# BIBLE

## IL BIBBJA



**Maltese Language**

# Maltese - All Bible


| Old Testament | | Naħum | 1.398 |
|---|---|---|---|
| Ġenesi | 3 | Ħabakkuk | 1.402 |
| Eżodu | 93 | Sofonija | 1.406 |
| Levitiku | 168 | Ħaggaj | 1.410 |
| Numri | 221 | Żakkarija | 1.413 |
| Dewteronomju | 297 | Malakija | 1.428 |
| Ġożwè | 359 | **New Testament** | |
| Mħallfin | 402 | Mattew | 1.436 |
| Rut | 443 | Mark | 1.502 |
| 1 Samwel | 449 | Luqa | 1.544 |
| 2 Samwel | 503 | Ġwanni | 1.614 |
| 1 Slaten | 549 | Atti tal-Appostli | 1.665 |
| 2 Slaten | 604 | Rumani | 1.729 |
| 1 Kronaki | 655 | 1 Korintin | 1.756 |
| 2 Kronaki | 707 | 2 Korintin | 1.782 |
| Esdra | 766 | Galatin | 1.799 |
| Neħemija | 785 | Efesin | 1.808 |
| Ester Bil-grieg | 812 | Filippin | 1.817 |
| Ġob | 826 | Kolossin | 1.824 |
| Salmi | 873 | 1 Tessalonikin | 1.830 |
| Proverbji | 996 | 2 Tessalonikin | 1.836 |
| Koħèlet | 1.035 | 1 Timotju | 1.840 |
| L-għanja tal-Għanjiet | 1.049 | 2 Timotju | 1.848 |
| Isaija | 1.057 | Titu | 1.854 |
| Ġeremija | 1.140 | Filemon | 1.858 |
| Lamentazzjonijiet | 1.234 | Lhud | 1.860 |
| Eżekjel | 1.243 | Ġakbu | 1.880 |
| Danjel bil-Grieg | 1.330 | 1 Pietru | 1.887 |
| Hosegħa | 1.356 | 2 Pietru | 1.895 |
| Ġoel | 1.369 | 1 Ġwanni | 1.900 |
| Għamos | 1.374 | 2 Ġwanni | 1.907 |
| Għabdija | 1.384 | 3 Ġwanni | 1.908 |
| Ġona | 1.386 | Ġuda | 1.910 |
| Mikea | 1.390 | Apokalissi | 1.912 |



© 2020 Malta Bible Society.

# Maltese - All Bible

## Ġenesi

## Ġenesi 1

### Il-ħolqien tas-sema u l-art

1Fil-bidu Alla ħalaq is-sema u l-art:

2u kienet l-art taħwid u baħħ; u d-dlam kien fuq wiċċ l-abbissi u fuq wiċċ l-ibħra kien jittajjar l-ispirtu ta' Alla.

3U qal Alla: "Ħa jkun id-dawl." U d-dawl sar.

4U ra Alla d-dawl li kien tajjeb. U Alla fired id-dawl mid-dlam.

5U d-dawl Alla semmieh jum, u d-dlam sejjaħlu lejl. U dalam u sebaħ - L-ewwel jum.

6U qal Alla: "Ħa jkun hemm medda f'nofs l-ilmijiet u tifred ilma minn ilma."

7U Alla għamel il-medda u fired l-ilma ta' taħt il-medda mill-ilma ta' fuq il-medda. U hekk sar.

8U l-medda Alla semmieha sema. U dalam u sebaħ - It-tieni jum.

9U qal Alla: "Ħa jinġemgħu naħa waħda l-ilmijiet ta' taħt is-sema u jidher l-inxif." U hekk sar.

10U sejjaħ Alla l-inxif art; u l-ġemgħa tal-ilma sejħilha baħar. U Alla ra li kollox kien tajjeb.

11U qal Alla: "Ħa tnibbet l-art il-ħaxix, ħaxix li jagħmel iż-żerriegħa, siġar li jagħmlu l-frott biż-żerriegħa ġo fih skont għamliethom, fuq l-art." U hekk sar.

12U nibbtet l-art il-ħaxix, ħaxix li jagħmel iż-żerriegħa skont għamlietu u siġar jagħmlu l-frott biż-żerriegħa skont għamlietu; u ra Alla li kien tajjeb.

13U dalam u sebaħ - It-tielet jum.

14U qal Alla: "Ħa jkun hemm imnariet fil-firxa tas-sema biex jifirdu l-jum mil-lejl, u jkunu sinjali għat-tqassim taż-żminijiet, tal-jiem u tas-snin.

15U jkun hemm, imnariet fil-firxa tas-sema biex idawlu l-art." U hekk sar.

16U għamel Alla ż-żewġ imnariet il-kbar; l-imnara l-kbira biex triegi l-jum, u l-imnara ż-żgħira biex triegi l-lejl, u l-kwiekeb.

17U Alla qegħedhom fil-firxa tas-sema biex jiddu fuq l-art,

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

18 u jrieġu l-jum u l-lejl u jifirdu d-dawl mid-dlam. U Alla ra li kien tajjeb.

19 U dalam u sebaħ - Ir-raba’ jum.

20 U qal Alla: “Jiżgħed l-ilma b’kotra ta’ ħlejjaq ħajjin u jittajru t-tjur fuq l-art fil-wesgħa tas-smewwiet.”

21 U Alla ħalaq il-ħut il-kbir u l-annimali kollha li jitkaxkru, li bihom miżgħud l-ilma, skont ġenshom, u t-tajr bil-ġwienaħ skont ġenshom. U ra Alla li kien tajjeb.

22 U berikhom Alla u qalilhom: “Welldu u oktru, u imlew l-ilma tal-ibħra; u joktor it-tajr fuq l-art.”

23 U dalam u sebaħ - Il-ħames jum.

24 U qal Alla: “Ħa tnissel l-art ħlejjaq ħajja skont ġenshom: bhejjem tad-dar, annimali li jitkaxkru, u bhejjem selvaġġi, skont ġenshom.” U hekk sar.

25 U għamel Alla l-bhejjem selvaġġi skont ġenshom, u l-bhejjem tad-dar skont ġenshom, u l-ħlejjaq kollha li jitkaxkru fuq l-art skont ġenshom. U ra Alla li kien tajjeb.

26 U qal Alla: “Ħa nagħmlu l-bniedem fuq ix-xbieha u s-sura tagħna, u jaħkmu fuq il-ħut tal-baħar u fuq it-tajr tal-ajru, fuq il-bhejjem tad-dar u fuq il-bhejjem selvaġġi, u fuq il-ħlejjaq li jitkaxkru fuq l-art.”

27 U Alla ħalaq il-bniedem fuq xbiehetu fuq xbihat Alla ħalqu, raġel u mara ħalaqhom.

28 U berikhom Alla u qalilhom: “Nisslu u oktru, u imlew l-art, u aħkmuha; u saltnu fuq il-ħut tal-baħar u t-tajr tal-ajru u l-ħlejjaq kollha li jitkaxkru fuq l-art.”

29 U qal Alla: “Araw, jien tajtkom il-ħaxix kollu, li jagħmel iż-żerriegħa fuq wiċċ l-art, u s-siġar kollha li jagħmlu l-frott biż-żerriegħa: dawn kollha jkunu għall-għajxien tagħkom.

30 U lill-bhejjem kollha selvaġġi u t-tajr kollu tal-ajru u l-ħlejjaq kollha li jitkaxkru fl-art li fihom nifs il-ħajja, nagħtihom il-ħaxix kollu aħdar għall-għajxien tagħhom.” U hekk sar.

31 U ħares Alla lejn kulma kien għamel, u, ara, kollox kien tajjeb ħafna. U dalam u sebaħ - Is-sitt jum.

## Ġenesi 2

1 U hekk intemmu s-sema u l-art bit-tagħmir kollu tagħhom.

2 U fis-seba’ jum Alla temm ix-xogħol tiegħu kollu li kien għamel, u waqaf fis-seba’ jum mix-xogħol tiegħu li kien għamel.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

3U bierek Alla s-seba' jum u qaddsu, għax fih waqaf mix-xogħol kollu tiegħu li
kien għamel fil-ħolqien.

4Dan hu nisel is-sema u l-art fil-ħolqien tagħhom.

### Il-bniedem fl-Għeden

Meta Alla ħalaq l-art u s-sema;

5meta kien għad ma hemm ebda xitla tar-raba' fuq l-art; meta ebda ħaxix tar-
raba' ma kien għadu nibet - għax il-Mulej Alla kien għadu ma bagħatx xita fuq l-
art, u bniedem ma kienx hemm biex jaħdem l-art,

6minkejja l-ilma tiela' mill-art li sata' jsaqqi l-wiċċ kollu tal-art -

7il-Mulej Alla sawwar il-bniedem mit-trab tal-art u nefaħlu fi mnifsejh nifs il-
ħajja, u l-bniedem sar ħlejqa ħajja.

8U l-Mulej Alla ħawwel ġnien fl-Għeden, in-naħa tal-Lvant, u qiegħed hemm il-
bniedem li kien sawwar.

9U l-Mulej Alla nibbet mill-art is-siġar kollha li jpaxxu l-għajn u bnina għall-ikel;
u s-siġra tal-ħajja f'nofs il-ġnien u s-siġra ta' tagħrif it-tajjeb u l-ħażin.

10U kien hemm xmara ħierġa mill-Għeden u ssaqqi l-ġnien; u minn hemm kienet
tinqasam f'erbat irjus.

11L-ewwel waħda kien jisimha Pison, hi li ddur mal-art kollha ta' Ħawila, fejn
hemm id-deheb -

12u d-deheb ta' din l-art hu sabiħ, u hemm ukoll gomma tfuħ u ħaġar tal-oniċi.

13U t-tieni kien jisimha Giħon, li ddur mal-art kollha ta' Kus.

14U t-tielet kien jisimha Tigri, li kienet tgħaddi n-naħa tal-Lvant tal-Assirja; u r-
raba' xmara kienet l-Ewfrat.

15U l-Mulej Alla ħa lill-bniedem u qiegħdu fil-ġnien tal-Għeden biex jaħdmu u
jħarsu.

16U l-Mulej Alla ordna lill-bniedem u qallu: "Mis-siġar kollha tal-ġnien tista'
tiekol,

17imma mis-siġra ta' tagħrif it-tajjeb u l-ħażin, la tikolx minnha, għax dak in-nhar
li tiekol minnha żgur li tmut."

18U l-Mulej Alla qal: "Mhux sewwa li l-bniedem jibqa' waħdu. Ħa nagħmillu
għajnuna tgħodd għalih.

19U l-Mulej Alla sawwar mill-art annimali selvaġġi u t-tajr kollu tal-ajru, u
ġiebhom quddiem il-bniedem biex jara xi jsemmihom; u skont ma jkun il-
bniedem semma lil kull ħliqa ħajja, dak ikun isimha.


© 2020 Malta Bible Society.

[20]U l-bniedem ta isem lil kull bhima u 'l kull tajra tal-ajru, u 'l kull annimal selvaġġ; imma għall-bniedem ma nstabet ebda għajnuna tgħodd għalih.

[21]U l-Mulej Alla tefa' nagħsa tqila fuq il-bniedem; u dan raqad. U ħadlu waħda minn kustiljih u flokha mlieh bil-laħam.

[22]U l-Mulej Alla sawwar il-kustilja, li kien ħa mill-bniedem, f'mara u ġiebha lill-bniedem.

[23]Imbagħad il-bniedem qal: "Din id-darba din hi għadma minn għadmi, u laħam minn laħmi, għalhekk tissejjaħ mara, għax mir-raġel ittieħdet hi."

[24]Għalhekk ir-raġel iħalli lil missieru u lil ommu u jingħaqad ma' martu u jsiru ġisem wieħed.

[25]U t-tnejn kienu għerja, ir-raġel u martu, u ma kinux jistħu minn xulxin.

# Ġenesi 3

### Il-waqgħa tal-bniedem

[1]U s-serp kien l-aktar wieħed li jilħaqlu fost l-annimali selvaġġi kollha, li kien għamel il-Mulej Alla. U qal lill-mara: "Tassew li Alla qalilkom: 'La tiklux mis-siġar kollha tal-ġnien'?"

[2]U l-mara wieġbet lis-serp: "Mill-frott tas-siġar fil-ġnien nistgħu nieklu. Imma mill-frott li hemm f'nofs il-ġnien,

[3]Alla qalilna: 'La tiklux minnu, u lanqas ma għandkom tmissuh, inkella tmutu.' "

[4]U s-serp qal lill-mara: "Le, żgur ma tmutux.

[5]Imma Alla jaf li dak in-nhar li tieklu minnu jinfetħu għajnejkom u ssiru bħal allat, li jafu t-tajjeb u l-ħażin."

[6]U l-mara rat li s-siġra kienet tajba għall-ikel u tiġbdek fil-għajn, u s-siġra tħajrek biex tikseb id-dehen; u ħadet mill-frott u kielet. Imbagħad tat ukoll lil żewġha, li kien magħha, u kiel.

[7]U nfetħu għajnejhom it-tnejn u ntebħu li kienu għerja, u ħietu weraq tat-tin, u għamlu iħżma.

[8]U semgħu ħoss il-Mulej Alla jitlajja fil-ġnien għaż-żiffa tal-jum, u nħbew Adam u martu minn wiċċ il-Mulej Alla qalb is-siġar tal-ġnien.

### Il-ġudizzju u l-piena

[9]U l-Mulej Alla sejjaħ lil Adam u staqsieh: "Fejn int?"

[10]U dak wieġeb: "Smajt ħossok fil-ġnien u bżajt għax jien għeri, u nħbejt." U staqsieh:

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

11“Min qallek li int għeri? Jaqaw kilt mis-siġra li jien ordnajtlek li ma tikolx minnha?”

12U wieġeb Adam: “Il-mara li inti tajtni għal miegħi, hi tatni mis-siġra, u jiena kilt.”

13U l-Mulej Alla qal lill-mara: “X’inhu dan li għamilt?” U l-mara wieġbet: “Is-serp qarraq bija, u jien kilt.”

14U l-Mulej Alla qal lis-serp: “Talli għamilt dan, misħut int fost il-bhejjem kollha u fost l-annimali selvaġġi. Għal żaqqek titkaxkar, u t-trab tal-art tiekol il-jiem kollha ta’ ħajtek.

15U jien inqajjem mibegħda bejnek u bejn il-mara, bejn nislek u nisilha, u hu jagħmel għal rasek u int tagħmel għal għarqubu.”

16U lill-mara qalilha: “Inkattarlek sewwa wġigħ it-tqala tiegħek, u bl-uġigħ tiled it-tfal; lejn żewġek tiġbdek xewqtek, u jaħkem fuqek hu.”

17U lil Adam qallu: “Talli inti smajt minn kelmet martek, u kilt mis-siġra li ordnajtlek ma tikolx minnha u għedtlek: ‘La tikolx minnha,’ misħuta l-art minħabba fik; bit-taħbit tiekol minnha, il-jiem kollha ta’ ħajtek.

18Xewk u għolliq tnibbitlek, u int tiekol il-ħaxix selvaġġ.

19Bl-għaraq ta’ ġbinek tiekol ħobżok, sakemm terġa’ lura lejn l-art, għax minnha int meħud. Għax trab int, u fit-trab terġa’ tmur.”

20U Adam semma lil martu Eva għax hi kienet omm il-ħajjin kollha.

21U l-Mulej Alla għamel lil Adam u ’l martu ħwejjeġ tal-ġild u libbishomlhom.

### Il-bniedem imkeċċi mill-Għeden

22U qal il-Mulej Alla: “Ara issa l-bniedem sar bħal wieħed minna, jagħraf it-tajjeb u l-ħażin; u issa xi jkun jekk imur imidd idejh u jieħu wkoll mis-siġra tal-ħajja, u jiekol, u jibqa’ ħaj għal dejjem?”

23Għalhekk il-Mulej Alla keċċieh ’il barra mill-ġnien tal-Għeden biex jaħdem l-art li minnha kien ittieħed.

24U ħareġ lill-bniedem, u qiegħed il-kerubini n-naħa tal-Lvant tal-ġnien tal-Għeden, u s-sejf tan-nar iżiġġ, biex iħarsu t-triq għas-siġra tal-ħajja.

## Ġenesi 4

### Kajjin u Abel

1U Adam għaraf lil martu Eva, u din tqalet u wildet lil Kajjin, għax qalet: “Għamilt bniedem mal-Mulej.”

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

2U mbagħad wildet lil ħuh Abel. U Abel kien ragħaj in-nagħaġ u Kajjin ħaddiem ir-raba'.

3Ġara wara xi żmien li Kajjin għamel offerta mill-frott tal-art lill-Mulej;

4u Abel offra wkoll hu mill-bikri tal-merħla tiegħu u mill-grass tagħhom. U l-Mulej ħares lejn Abel u l-offerta tiegħu.

5Imma lejn Kajjin u lejn l-offerta tiegħu ma ħarisx; u Kajjin għalhekk saħan sewwa u wiċċu tqarras.

6U l-Mulej qal lil Kajjin: "Għala sħant u għala għaddast rasek?

7Jaqaw mhux minnu dak li jekk tagħmel it-tajjeb terfa' rasek? Imma jekk ma tagħmilx it-tajjeb id-dnub bħal xitan jissajja wara biebek. U hu xewqan għalik, imma inti tista' trażżnu."

8U Kajjin qal lil ħuh Abel: "Ha mmorru fir-raba'." U kif kienu fir-raba' Kajjin qam għal ħuh Abel, u qatlu.

9U l-Mulej qal lil Kajjin: "Fejn hu ħuk Abel?" U hu wieġbu: "Ma nafx. Jaqaw jien għassies ta' ħija?"

10U l-Mulej wieġbu: "X'għamilt! Leħen id-demm ta' ħuk qiegħed jgħajjatli mill-art.

11U issa misħut int mill-art li fetħet fommha u laqgħet id-demm ta' ħuk minn idejk.

12Meta int taħdem l-art ma tagħtikx aktar ġidha. Int tibqa' tiġġerra maħrub 'l hemm u 'l hawn fl-art."

13U Kajjin qal lill-Mulej: "Il-kastig tiegħi kbir wisq biex nerfgħu.

14Ara, int keċċejtni llum minn wiċċ l-art u jkolli ninħeba minn quddiem wiċċek; u nibqa' niġġerra maħrub 'l hemm u 'l hawn fuq l-art; u kull min isibni joqtolni."

15U l-Mulej wieġbu: "Mhux hekk! Kull min joqtol lil Kajjin iħallas seba' darbiet." U l-Mulej għamel sinjal fuq Kajjin biex kull min isibu ma joqtlux.

16U Kajjin ħareġ minn quddiem il-Mulej u mar jgħammar f'art Nod, fuq il-Lvant tal-Għeden.

### In-nisel ta' Kajjin

17Kajjin għaraf lil martu, u din tqalet u wildet lil Henok; u hu beda jibni belt u semmieha Henok b'isem ibnu.

18U lil Henok twelidlu Għirad, u Għirad wiled lil Meħujjel, u Meħujjel wiled lil Metusajel, u Metusajel wiled lil Lamek.

19U Lamek ħa żewġ nisa: waħda kien jisimha Għada u l-oħra Silla.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[20]Għada wildet lil Ġabal, li kien missier dawk li jgħixu fl-għerejjex u jrabbu l-imrieħel.

[21]U ħuh kien jismu Ġubal, li kien missier dawk li jdoqqu ċ-ċetra u l-flawt.

[22]U Silla wkoll wildet lil Tubal-Kajn, li kien ħaddied, jaħdem l-għodod tal-bronż u l-ħadid. U oħt Tubal-Kajn kienet Nagħma.

[23]U Lamek qal lin-nisa tiegħu: "Għada u Silla isimgħu leħni; nisa ta' Lamek, agħtu widen għal kliemi. Qtilt raġel għax ġeraħni, u żagħżugħ għax benġilni.

[24]Għax seba' darbiet jitħallas Kajjin, imma Lamek sebgħa u sebgħin darba."

### It-twelid ta' Set

[25]U Adam għaraf lil martu u wildet tifel u semmietu Set, għax qalet: "Għax Alla tani nisel ieħor flok Abel, li qatlu Kajjin."

[26]U 'l Set ukoll twelidlu iben u semmieh Enos; imbagħad bdew isejħu isem il-Mulej.

## Ġenesi 5

### In-nisel ta' Adam

[1]Dan hu ktieb in-nisel ta' Adam. Meta ħalaq Alla l-bniedem, fi xbieha ta' Alla għamlu;

[2]raġel u mara ħalaqhom. U berikhom u semmiehom bnedmin nhar il-ħolqien tagħhom.

[3]U Adam kellu mija u tletin sena meta wiled iben fis-sura u x-xbieha tiegħu, u semmieh Set.

[4]U wara li wiled lil Set, Adam għex tmien mitt sena oħra, u wiled subien u bniet.

[5]U kienu l-jiem kollha li għex Adam disa' mija u tletin sena; u mbagħad miet.

[6]U Set kellu mija u ħames snin meta wiled lil Enos.

[7]U wara li wiled lil Enos, Set għex tmien mija u seba' snin oħra, u wiled subien u bniet.

[8]U kienu l-jiem kollha li għex Set disa' mija u tnax-il sena; u mbagħad miet.

[9]U Enos kellu disgħin sena meta wiled lil Kenan.

[10]U wara li wiled lil Kenan, Enos għex tmien mija u ħmistax-il sena oħra, u wiled subien u bniet.

[11]U kienu l-jiem kollha li għex Enos disa' mija u ħames snin; u mbagħad miet.

[12]U Kenan kellu sebgħin sena meta wiled lil Maħalel.


© 2020 Malta Bible Society.

13U wara li wiled lil Maħalel, Kenan għex tmien mija u erbgħin sena oħra, u wiled subien u bniet.

14U kienu l-jiem kollha li għex Kenan disa' mija u għaxar snin; u mbagħad miet.

15U Maħlalel kellu ħamsa u sittin sena meta wiled lil Ġared.

16U wara li wiled lil Ġared, Maħlalel għex tmien mija u tletin oħra, u wiled subien u bniet.

17U kienu l-jiem kollha li għex Maħlalel tmien mija u ħamsa u disgħin sena; u mbagħad miet.

18U Ġared kellu mija u tnejn u sittin sena meta wiled lil Henok.

19U wara li wiled lil Henok, għex tmien mitt sena oħra, u wiled subien u bniet.

20U kienu l-jiem kollha li għex Ġared disa' mija u tnejn u sittin sena; u mbagħad miet.

21U Henok kellu ħamsa u sittin sena meta wiled lil Matusala.

22U Henok kien jimxi ma' Alla. U wara li wiled lil Matusala għex tliet mitt sena oħra, u wiled subien u bniet.

23U kienu l-jiem kollha li għex Henok tliet mija u ħamsa u sittin sena.

24U Henok kien jimxi sewwa ma' Alla; u ma deherx aktar, għax ħadu Alla.

25U Matusala kellu mija u sebgħa u tmenin sena meta wiled lil Lamek.

26U għex Matusala wara li wiled lil Lamek seba' mija u tnejn u tmenin sena, u wiled subien u bniet.

27U kienu l-jiem kollha li għex Matusala disa' mija u disgħa u sittin sena; u mbagħad miet.

28U Lamek kellu mija u tnejn u tmenin sena meta wiled iben.

29U semmieh Noè għax qal: "Dan għad iserraħna mit-taħbit tagħna u mix-xogħol iebes ta' idejna minħabba l-art misħuta mill-Mulej."

30U wara li wiled lil Noè għex ħames mija u ħamsa u disgħin sena oħra, u wiled subien u bniet.

31U kienu l-jiem kollha li għex Lamek seba' mija sebgħa u sebgħin sena u mbagħad miet.

32U Noè kellu ħames mitt sena u wiled lil Sem, lil Ham u lil Ġafet.

## Ġenesi 6

### Il-ħażen jikber fuq l-art

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

1U ġara li meta l-bnedmin bdew joktru fuq l-art u tweldulhom il-bniet,

2raw ulied Alla li l-bniet tal-bnedmin kienu ħelwin, u ’l dawk li għoġbuhom ħaduhom b’nisa tagħhom.

3U l-Mulej qal: “Ma tibqax ruħi aktar fil-bniedem għal dejjem, għax, laħam hu; u jkunu jiemu ta’ mija u għoxrin sena.”

4Kien hemm il-ġganti dak iż-żmien - u wara wkoll - meta wlied Alla resqu lejn il-bniet tal-bnedmin, u huma wildulhom. Dawk kienu n-nies kbar imsemmija sa mill-qedem.

5U l-Mulej ra li l-ħażen tal-bniedem kien kiber fuq l-art; u f’qalbu ma kienx għajr li jfassal il-ħażen il-jum kollu.

6U l-Mulej sogħob bih li kien għamel il-bniedem fl-art; u sewwed qalbu.

7U l-Mulej qal: “Inqaċċat minn wiċċ l-art il-bniedem li jien ħlaqt, mill-bniedem sal-bhejjem, mill-ħlejjaq li jitkaxkru fl-art sat-tjur tal-ajru, għax jien sogħbien li għamilthom.”

8U Noè sab ħniena quddiem il-Mulej.

**Id-dilluvju**

9Dan hu n-nisel ta’ Noè. Noè kien bniedem ġust u kien perfett fost in-nies ta’ żmienu; kien jimxi sewwa ma’ Alla.

10Lil Noè tweldulu: Sem, Ham u Ġafet.

11U l-art tħassret quddiem Alla u mtliet bil-vjolenza.

12U Alla ħares lejn l-art, u ra li kienet imħassra, għax kull ħliqa ħajja kienet għawġet triqtha fuq l-art.

13U l-Mulej qal lil Noè: “Għalija tmiem il-ħajjin kollha wasal, għax imtliet bil-vjolenza l-art kollha minħabba fihom. Hawn jien se neqridhom minn wiċċ l-art.

14Agħmel għalik arka mill-injam taċ-ċipress; qassamha fi kmamar u idlikha minn barra u minn ġewwa bil-qatran.

15U tagħmilha hekk: tliet mitt driegħ tul, ħamsin driegħ wisa’ u tletin driegħ għoli.

16L-arka agħmlilha saqaf u kompliha driegħ ’il fuq. Il-bieb tal-arka tqiegħdu fil-ġenb. Tagħmilha wkoll bi tliet gverti: t’isfel, tan-nofs u t-tielet ta’ fuq.

17Għax arani, jiena se nibgħat dilluvju ilma fuq l-art biex neqred kull ħliqa li fiha nifs il-ħajja taħt is-smewwiet u kulma jinsab fl-art jinqered.

18U jien nagħmel patt miegħek: int tidħol fl-arka, int u wliedek, martek u n-nisa ta’ wliedek miegħek.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

19Mill-ħlejjaq ħajjin kollha, minn kull xorta ta' annimali, tnejn minn kull xorta, iddaħħal fl-arka biex jibqgħu jgħixu miegħek, u jkunu raġel u mara.

20Jidħlu wkoll miegħek minn kull xorta ta' għasafar skont ġenshom, bil-bhejjem skont ġenshom, mill-annimali li jitkaxkru fl-art skont ġenshom, tnejn minn kull xorta jidħlu biex jgħixu miegħek.

21U inti tieħu miegħek minn kull xorta ta' ikel, li jista' jittiekel, u aħżnu miegħek, u jkun l-għajxien tiegħek u tagħhom."

22U hekk għamel Noè, għamel kulma ordnalu Alla.

## Ġenesi 7

### Id-dħul fl-arka

1U l-Mulej qal lil Noè: "Idħol int, u darek kollha fl-arka, għax quddiemi jiena lilek sibt ġust fost in-nies ta' dan iż-żmien.

2Mill-bhejjem kollha safjin daħħal miegħek seba' pari, kull par ir-raġel u l-mara tiegħu. U mill-bhejjem li mhumiex safjin par wieħed, ir-raġel u l-mara.

3U mit-tjur tal-ajru wkoll daħħal seba' pari, kull par ir-raġel u l-mara, biex jibqa' nisel fuq l-art kollha.

4Għax minn hawn u sebat ijiem oħra se nibgħat xita fuq l-art għal erbgħin jum u erbgħin lejl, u neqred mill-wiċċ kollu tal-art kull ħliqa li jien għamilt."

5U Noè għamel skont ma ordnalu l-Mulej.

6U Noè kellu sitt mitt sena meta d-dilluvju għarraq l-art.

7U daħal Noè u miegħu wliedu, martu, u n-nisa ta' wliedu, fl-arka, minħabba l-ilma tad-dilluvju.

8Mill-bhejjem safjin u mill-bhejjem mhumiex safjin, u mit-tjur u minn kulma jitkaxkar fl-art,

9daħlu tnejn tnejn, ir-raġel u l-mara, fl-arka ma' Noè, kif kien ordna Alla lil Noè.

10U malli għaddew is-sebat ijiem beda nieżel l-ilma tad-dilluvju fuq l-art.

### Id-dilluvju

11Fis-sitt mitt sena ta' għomor Noè, fit-tieni xahar, fis-sbatax-il jum tax-xahar, f'dan il-jum infaqgħu l-għejun tal-qiegħ il-kbir u nfetħu bwieb is-smewwiet.

12U baqgħet nieżla x-xita fuq l-art għal erbgħin jum u erbgħin lejl.

13Sewwasew f'dan il-jum daħlu fl-arka Noè u Sem, Ham u Ġafet, ulied Noè, u l-mara ta' Noè, u t-tliet nisa ta' wliedu magħhom;

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

14huma u l-annimali kollha skont ġenshom, u l-bhejjem skont ġenshom u kulma
jitkaxkar fl-art skont ġensu u kull tajra skont ġensha, u kull xorta ta' għasafar.

15Daħlu fl-arka ma' Noè, tnejn tnejn minn kull laħam li kien fih nifs il-ħajja.

16U dawk li daħlu ġew, raġel u mara, minn kull ġens; daħlu bħalma kien ordnalu
Alla. U l-Mulej sakkar warajh.

17U d-dilluvju baqa' sejjer fuq l-art għal erbgħin jum; u l-ilmijiet bdew joktru u
jgħollu l-arka, u din għoliet 'il fuq minn wiċċ l-art.

18U l-ilmijiet tqawwew u kotru ħafna fuq l-art, u l-arka kienet tgħum f'wiċċ l-
ilma.

19U tqawwew bis-sħiħ l-ilmijiet fuq l-art, u għattew il-muntanji għoljin kollha
taħt is-sema.

20Hmistax-il driegħ 'il fuq għola l-ilma u tgħattew il-muntanji.

21U mietu l-ħlejjaq ħajjin kollha li jgħixu fuq l-art, tjur, bhejjem tad-dar, annimali
selvaġġi, kulma jitkaxkar mal-art, u l-bnedmin kollha.

22Kulma kellu nifs il-ħajja f'imnifsejh, kulma kien jgħix fl-inxif, miet.

23U qered il-ħlejjaq kollha minn wiċċ l-art: mill-bniedem sal-bhejjem, mill-
ħlejjaq li jitkaxkru sat-tajr tal-ajru, kollha nqerdu minn wiċċ l-art, u baqa' biss
Noè u dawk li kienu miegħu fl-arka.

24U l-ilmijiet baqgħu jgħarrqu l-art għal mija u ħamsin jum.

## Ġenesi 8

### Il-ħruġ mill-arka

1Imma Alla ftakar f'Noè, fl-annimali selvaġġi u l-bhejjem kollha miegħu fl-arka;
u Alla qajjem riħ fuq l-art, u l-ilmijiet bdew jonqsu.

2U ngħalqu l-għejun tal-qiegħ u bwieb is-smewwiet, u waqfet ix-xita mis-
smewwiet.

3U l-ilmijiet bdew rieġgħa lura minn fuq l-art, u baqgħu sejrin lura sakemm
naqsu għalkollox wara mija u ħamsin jum.

4U waqfet l-arka fis-seba' xahar, fis-sbatax-il jum tax-xahar, fuq il-muntanja ta'
Ararat.

5U l-ilmijiet baqgħu sejrin lura u jonqsu sal-għaxar xahar; u fl-għaxar xahar, fl-
ewwel tax-xahar, dehru l-qċaċet tal-muntanji.

6U wara erbgħin jum Noè fetaħ it-tieqa tal-arka li kien għamel.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

7U telaq iċ-ċawlun, u dan ħareġ u baqa' ġej u sejjer sakemm nixef l-ilma minn fuq l-art.

8U Noè bagħat il-ħamiema minn ħdejh biex jara jekk naqasx l-ilma minn fuq wiċċ l-art.

9U l-ħamiema ma sabitx fejn isserraħ qiegħ riġilha, u reġgħet lura għal għandu fl-arka, għax l-ilma kien għadu fuq wiċċ l-art kollha. U Noè ħareġ idu u qabadha u daħħalha miegħu fl-arka.

10U stenna sebat ijiem oħra u reġa' bagħat il-ħamiema mill-arka.

11U l-ħamiema reġgħet lura filgħaxija b'werqa friska taż-żebbuġ f'munqarha. U Noè ntebaħ li l-ilmijiet kienu naqsu minn fuq wiċċ l-art.

12U stenna sebat ijiem oħra, u bagħat il-ħamiema, u din ma reġgħetx lura iżjed għandu.

13Fis-sena sitt mija u wieħed, fl-ewwel xahar, fl-ewwel jum tax-xahar, nixef għalkollox l-ilma minn fuq wiċċ l-art. U Noè bexxaq l-għatu tal-arka, u ħares, u ra li wiċċ l-art kien nixef.

14U fit-tieni xahar, fis-sbatax-il jum tax-xahar, nixfet l-art.

15U Alla kellem lil Noè u qallu:

16"Oħroġ mill-arka, int u martek, uliedek u n-nisa tagħhom miegħek.

17U kull ħliqa ħajja li hemm miegħek, minn kull ġens, tjur u bhejjem, u kulma jitkaxkar fuq l-art; oħroġhom miegħek ħalli jixterdu mal-art, u jnisslu u joktru fl-art."

18U Noè ħareġ b'uliedu u martu, u n-nisa ta' wliedu miegħu.

19Harġu wkoll mill-arka l-bhejjem kollha, il-ħniex, it-tjur u kulma jitkaxkar fl-art, skont in-nisel tagħhom.

### Il-wegħda ta' Alla

20U Noè bena artal lill-Mulej, u ħa minn kull annimal safi u mit-tajr safi, u offra sagrifiċċju tal-ħruq fuq l-artal.

21U l-Mulej xamm ir-riħa ħelwa u għoġbitu; u l-Mulej qal f'qalbu: "Ma nerġax iżjed nisħet l-art minħabba l-bniedem, għax qalb il-bniedem miġbuda għall-ħażen sa minn ċkunitu, u ma nerġax iżjed naħbat għall-ħlejjaq ħajjin kollha bħalma għamilt.

22Sakemm iddum l-art, żrigħ u ħsad, bard u għomma, sajf u xitwa, lejl u nhar, ma jonqsu qatt."

## Ġenesi 9

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

### Il-barka fuq Noè

1U Alla bierek lil Noè u lil uliedu, u qalilhom: "Nisslu u oktru u imlew l-art.

2U jkun il-biża' tagħkom fuq kull ħliqa ħajja fuq l-art, u fuq it-tajr kollu tal-ajru, u fuq kulma jitkaxkar fl-art u fuq il-ħut kollu tal-baħar; u jitriegħdu quddiemkom; f'idejkom nerħihom.

3Kulma hu ħaj u jitħarrek fl-art ikun ikel għalikom; u wkoll il-ħaxix aħdar, kollu nagħtikom.

4Imma l-laħam b'demmu ġo fih, li hu ħajtu, la tikluhx.

5U jien nitlob kont ta' demmkom, li hu ħajjitkom, nitolbu mingħand kull bhima, mingħand kull bniedem; mingħand kull wieħed nitħallas tal-ħajja ta' bniedem ieħor bħalu.

6Kull min ixerred demm ta' bniedem, minn bniedem ieħor jixxerred demmu. Għax skont ix-xbieha tiegħu, ħalqu Alla lill-bniedem.

7U intom nisslu u oktru; xterdu mal-art u oktru fuqha."

### Il-patt ma' Noè

8U Alla kellem lil Noè u lil uliedu miegħu u qalilhom:

9"Arawni, hawn jien se nagħmel il-patt tiegħi magħkom u ma' nisilkom warajkom;

10ma' kull ħliqa ħajja li hemm magħkom, mat-tjur u mal-bhejjem, ma' kull bhima selvaġġa li hemm magħkom, u mal-bhejjem kollha li ħarġu magħkom mill-arka.

11Jien nagħmel il-patt tiegħi magħkom, li qatt iżjed ma jinqered, ebda laħam ħaj, bl-ilmijiet tad-dilluvju; u qatt iżjed ma jkun hemm dilluvju biex iħarbat l-art."

12U żied jgħid Alla: "Dan ikun is-sinjal tal-patt li jien qiegħed nagħmel bejni u bejnkom, u bejn kull ħliqa ħajja li hemm magħkom, għall-ġenerazzjonijiet kollha għal dejjem.

13Inqiegħed il-qaws tiegħi fis-sħab, u jkun sinjal tal-patt bejni u bejn l-art.

14Meta niġma' s-sħab fuq l-art u tfeġġ il-qawsalla fis-sħab,

15jien niftakar fil-patt bejni u bejnkom u bejn kull ruħ ħajja f'kull laħam; u ma jkunx hemm iżjed l-ilma tad-dilluvju biex jeqred kull laħam ħaj.

16U meta l-qawsalla tfeġġ fis-sħab, jien inħares lejha u niftakar fil-patt għal dejjem bejn Alla u bejn kull ħliqa ħajja fost il-laħam li hemm fuq l-art."

17U Alla qal lil Noè: "Dan hu s-sinjal tal-patt li jien għamilt bejni u bejn kull laħam li hemm fuq l-art."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

18U wlied Noè li ħarġu mill-arka kienu: Sem, Ħam u Ġafet; u Ħam kien missier
Kangħan.

19Dawn it-tlieta kienu wlied Noè; u minn dawn imtliet l-art kollha.

### Is-saħta ta’ Kangħan u l-barka ta’ Sem

20Noè beda jagħmilha ta’ bidwi u ħawwel id-dwieli.

21U xorob l-inbid u siker, u nkixef f’nofs l-għarix tiegħu.

22U Ħam, missier Kangħan, ra l-għera ta’ missieru, u mar jgħid liż-żewġ ħutu li
kienu barra.

23U Sem u Ġafet qabdu l-mantar, qegħduh fuq spallejhom it-tnejn, u marru
waranijiet u għattew l-għera ta’ missierhom; u billi wiċċhom kien iħares lura ma
rawx l-għera ta’ missierhom.

24U meta Noè stenbaħ mis-sakra tiegħu, sar jaf x’kien għamillu ibnu ż-żgħir.

25U qal: “Misħut Kangħan: qaddej fost il-qaddejja jkun ta’ ħutu.

26Imbierek il-Mulej, Alla ta’ Sem, u jkun Kangħan il-qaddej tiegħu.

27Iwassa’ Alla lil Ġafet, u jgħammar dan fl-għerejjex ta’ Sem, u Kangħan ikun il-
qaddej tiegħu.”

28U Noè għex tliet mija u ħamsin sena oħra wara d-dilluvju.

29U għomor Noè laħaq id-disa’ mija u ħamsin sena; u mbagħad miet.

## Ġenesi 10

### Nisel Noè

1U dan hu n-nisel ta’ wlied Noè: Sem, Ħam u Ġafet, u tweldulhom ulied wara d-
dilluvju.

### Ulied Ġafet

2U wlied Ġafet kienu: Gomer, Magog, Madaj, Ġawan, Tubal, Mesek u Tiras.

3Ulied Gomer kienu: Askenaż, Rifat u Togarma.

4Ulied Ġawan kienu: Elisa, Tarsis, il-Kittin u r-Rodanin.

5Minnhom ħarġu l-popli tax-xtajtiet tal-ġnus. Dawn kienu wlied Ġafet
f’artijiethom, kull wieħed skont ilsienu, u skont il-familji tagħhom fi ġnushom.

### Ulied Ħam

6U wlied Ħam kienu: Kus, Misrajm, Put u Kangħan.


© 2020 Malta Bible Society.

7Ulied Kus kienu: Seba, Ħawila, Sabta, Ragħma u Sabteka; u wlied Ragħma kienu Seba u Dedan.

8Kus wiled lil Nimrod, li kien l-ewwel wieħed setgħan fl-art.

9Kien kaċċatur qalbieni f'għajnejn il-Mulej: u għalhekk kienu jgħidu: "Bħal Nimrod kaċċatur qalbieni f'għajnejn il-Mulej."

10U l-bidu tas-saltna tiegħu kienu: Babel, Erek, Akkad, Kalni, fl-art ta' Singħar.

11Minn din l-art mar l-Assirja u bena 'l Ninwè, 'l Reħobot-għir, u 'l Kalaħ,

12u 'l Resen, bejn Ninwè u Kalaħ; u din kienet il-belt il-kbira.

13Misrajm wiled lil-Ludim, lill-Għanamin, lil-Leħabin, lin-Naftuħin,

14lill-Patrusin, lill-Kasluħin, li minnhom ħarġu l-Filistin u l-Kafturin.

15U Kangħan wiled lil Sidon, ibnu l-kbir, lil Ħet,

16lill-Ġebusin, lill-Amurrin u lill-Girgasin,

17lill-Ħiwwin, lill-Għarakin, lis-Sinin,

18lill-Arwadin, lis-Semarin, lill-Ħamatin. U wara nfirdu l-familji tal-Kangħanin.

19U l-medda ta' art il-Kangħanin kienet tibda minn Sidon u tibqa' sejra lejn Gerar sa Gaża, imbagħad tieħu lejn Sodoma u Gomorra, u lejn Edom u Sebojim sa Lasa.

20Dawk kienu wlied Ħam skont il-familji tagħhom, ilsienhom, artijiethom u ġnushom.

## Ulied Sem

21U 'l Sem tweldulu t-tfal lilu wkoll. Hu missier l-ulied kollha ta' Għeber, u kien hu l-kbir ta' Ġafet.

22Ulied Sem kienu: Għelam, Assur, Arfaksad, Lud u Aram.

23Ulied Aram kienu: Għus, Ħul, Ġeter u Mas.

24Arfaksad wiled lil Selaħ, u Selaħ wiled lil Għeber.

25Lil Għeber tweldulu żewġt itfal, wieħed kien jismu Peleg, għax fi żmienu tqassmet l-art, u isem ħuh kien Ġoktan.

26U Ġoktan wiled lil Almodad, lil Salef, lil Ħasarmawt, lil Ġeraħ,

27lil Hedoram, lil Użal, lil Dikla,

28lil Għobal, lil Abimajel, lil Seba,

29lil Ofir, lil Ħawila, lil Ġobab. Dawn kollha wlied Ġoktan.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

30U l-art fejn kienu jgħammru kienet tiegħu minn Mesa lejn Sefar sal-muntanji tal-Lvant.

31Dawn kienu wlied Sem skont il-familji tagħhom, ilsienhom, artijiethom u ġnushom.

32Dawn kienu l-familji ta' wlied Noè skont in-nisel tagħhom, fi ġnushom; u minnhom ħarġu l-ġnus ta' fuq l-art wara d-dilluvju.

## Ġenesi 11

### It-torri ta' Babel

1U l-art kollha kienet ilsien wieħed u kliem wieħed.

2Meta l-bnedmin telqu mil-Lvant sabu wita f'art Singħar u baqgħu hemm.

3U qalu wieħed lil ieħor: "Ejjew nagħmlu l-madum u naħmuh sewwa!" U l-madum kienu jużawh flok il-ġebel, u l-qatran flok it-tajn.

4U reġgħu qalu: "Ejjew nibnu belt għalina, u torri, bil-quċċata tiegħu tilħaq is-smewwiet, u nagħmlu isem għalina, ħalli ma nixterdux mal-wiċċ kollu tal-art."

5U l-Mulej niżel jara l-belt u t-torri li kienu qegħdin jibnu l-bnedmin.

6U l-Mulej qal: "Arahom, poplu wieħed u lsien wieħed għalihom ilkoll. U dan għadu l-bidu ta' xogħolhom; issa kulma jiġihom f'rashom xejn ma jaqtgħalhom qalbhom!

7Ejja, ħa ninżlu u nħabblulhom ilsienhom, ħalli ma jifhmux ilsien xulxin."

8U l-Mulej xerridhom minn hemm għal fuq wiċċ l-art kollha, u waqfu mill-bini tal-belt.

9Għalhekk bdew isejħulha Babel, għax hemm ħawwad il-Mulej ilsien l-art, u minn hemm xerridhom il-Mulej mal-wiċċ kollu tal-art.

### Il-familja ta' Sem

10Dan hu nisel Sem. Sem kellu mitt sena meta wiled lil Arfaksad, sentejn wara d-dilluvju.

11U wara li wiled lil Arfaksad, Sem għex ħames mitt sena oħra, u wiled subien u bniet.

12U Arfaksad kellu ħamsa u tletin sena meta wiled lil Selaħ.

13U wara li wiled lil Selaħ, Arfaksad għex erba' mija u tliet snin oħra, u wiled subien u bniet.

14U Selaħ kellu tletin sena meta wiled lil Għeber.


© 2020 Malta Bible Society.

15U wara li wiled lil Għeber, Selaħ għex erba' mija u tliet snin oħra, u wiled subien u bniet.

16U Għeber kellu erbgħa u tletin sena meta wiled lil Peleg;

17u wara li wiled lil Peleg, Għeber għex erba' mija u tletin sena oħra, u wiled subien u bniet.

18U Peleg kellu tletin sena meta wiled lil Regħu:

19u wara li wiled lil Regħu, Peleg għex mitejn u disa' snin oħra, u wiled subien u bniet.

20U Regħu kellu tnejn u tletin sena meta wiled lil Xerug;

21u wara li wiled lil Xerug, Regħu għex mitejn u seba' snin oħra, u wiled subien u bniet.

22U Xerug kellu tletin sena meta wiled lil Naħor;

23u wara li wiled lil Naħor, Xerug għex mitejn sena oħra, u wiled subien u bniet.

24U Naħor kellu disgħa u għoxrin sena meta wiled lil Teraħ;

25u wara li wiled lil Teraħ, Naħor għex mija u dsatax-il sena oħra; u wiled subien u bniet.

26Teraħ kellu sebgħin sena meta wiled lil Abram, lil Naħor, u lil Haran.

### Il-familja ta' Abram

27Dan hu nisel Teraħ: Teraħ wiled lil Abram, lil Naħor, u lil Haran. U Haran wiled lil Lot.

28Haran miet qabel Teraħ missieru, f'art twelidu, f'Ur tal-Kaldin.

29Abram u Naħor iżżewġu; mart Abram kien jisimha Saraj; u mart Naħor Milka bint Haran, missier Milka u Giska.

30Saraj kienet sterili, u ma kellhiex tfal.

31U Teraħ qabad lil ibnu Abram, lil Lot bin Haran, jiġifieri bin ibnu, il-kunjata Saraj, mart ibnu Abram, u telaq bihom minn Ur tal-Kaldin lejn l-art ta' Kangħan; u waslu Haran u baqgħu hemm.

32U għomor Teraħ kien laħaq il-mitejn u ħames snin; u Teraħ miet f'Haran.

## Ġenesi 12

### Is-sejħa ta' Abram

1U l-Mulej qal lil Abram: "Qum u itlaq minn artek, minn art twelidek, u minn dar missierek, lejn l-art li jien nurik.


© 2020 Malta Bible Society.

2U jien nagħmlek ġens kbir, inbierkek u nkabbarlek ismek, u int tkun barka.

3Jien inbierek lil min ibierkek, u nisħet lil min jisħtek.

4U jitbierku bik it-tribujiet kollha tal-art." U telaq Abram kif kien qallu l-Mulej; u
mar miegħu Lot. U Abram kellu ħamsa u sebgħin sena meta ħareġ minn Ħaran.

5U ħa miegħu Abram 'il Saraj martu, u 'l Lot bin ħuh, u l-ġid kollu li kienu għamlu,
u n-nies li kienu kisbu f'Ħaran. U ħarġu biex imorru fl-art ta' Kangħan, u waslu
f'art Kangħan.

6U Abram qasam l-art sas-santwarju ta' Sikem, sal-balluta ta' Mori; u dak iż-
żmien kien hemm il-Kangħanin fl-art.

7U l-Mulej deher lil Abram u qallu: "Lil nislek għad nagħti din l-art." U hemm
bena artal lill-Mulej, li kien deherlu.

8Minn hemm telaq lejn il-muntanja fuq in-naħa tal-Lvant ta' Betel, u waqqaf l-
għarix tiegħu hemm, b'Betel fuq il-Punent u Għaj fuq il-Lvant. U bena hemm artal
lill-Mulej u sejjaħ isem il-Mulej.

9U Abram baqa' sejjer, miexi, miexi lejn il-Negeb.

### Abram fl-Eġittu

10U waqa' l-ġuħ fuq l-art, u Abram niżel l-Eġittu biex jgħammar hemm bħala
frustier; għax il-ġuħ kien għafas sew.

11U malli kien qorob biex jidħol l-Eġittu, qal lil Saraj, martu: "Ara, jien naf li int
mara sabiħa fil-għajn;

12u issa meta jarawk l-Eġizzjani jgħidu: 'Martu din!' u joqtlu lili, u jħallu lilek
ħajja.

13Għid, mela, li inti oħti, biex jien ikolli r-riżq bik, u ħajti tibqa' sħiħa minħabba
fik."

14U ġara li malli Abram daħal l-Eġittu, l-Eġizzjani raw li l-mara kienet sabiħa
ħafna:

15rawha wkoll il-fizzjali tal-Fargħun u faħħruha quddiem il-Fargħun; u ħaduha
fil-palazz tal-Fargħun.

16U Abram kellu r-riżq minħabba fiha, għax kellu mrieħel u baqar, ħmir u
qaddejja rġiel u nisa, u ħmir nisa u iġmla.

17Imma l-Mulej darab lill-Fargħun u 'l daru b'kastigi kbar minħabba Saraj, il-
mara ta' Abram.

18U l-Fargħun sejjaħ lil Abram u qallu "X'inhu dan li għamiltli? Għala ma wrejtnix
li din hi martek?

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

19Għala għedtli: 'Din oħti' u jien ħadtha b'marti? Issa, mela, hawn hi martek, ħudha u itlaq."

20U l-Fargħun ta l-ordnijiet dwaru lil xi rġiel, u dawn qabbduh it-triq, lilu u 'l martu, b'kulma kellu.

## Ġenesi 13

### Abram u Lot jinfirdu

1U Abram tala' mill-Eġittu, hu u martu, b'kulma kellu, u Lot miegħu lejn in-Negeb.

2U Abram stagħna ħafna b'imrieħel, fidda u deheb.

3U raġa' lura fuq triqtu min-Negeb sa Betel, sal-post fejn qabel kellu l-għarix bejn Betel u Għaj,

4sa fejn l-artal li kien għamel qabel; u hemm sejjaħ isem il-Mulej.

5U Lot ukoll, li kien ġie ma' Abram, kellu mrieħel, baqar u għerejjex.

6U l-art ma kinitx tiflaħ għalihom li jgħammru flimkien, għax ġidhom kien kbir u ma setgħux jgħammru flimkien.

7U kien hemm tilwima bejn ir-rgħajja tal-imrieħel ta' Abram u bejn ir-rgħajja tal-imrieħel ta' Lot. U l-Kangħanin u l-Perizzin kienu għadhom jgħammru l-art.

8U Abram qal lil Lot: "Ma għandux ikun hemm ġlied bejni u bejnek, u bejn ir-rgħajja tiegħi u r-rgħajja tiegħek, għax aħna aħwa.

9Mhix l-art kollha quddiemek? Tbiegħed minni, nitolbok. Jekk tiġbed lejn ix-xellug, jien immur lejn il-lemin, u jekk tiġbed lejn il-lemin, jien immur lejn ix-xellug."

10U Lot rafa' għajnejh, u ra li l-inħawi kollha madwar il-Ġordan kien kollu raba' saqwi - qabel ma l-Mulej qered lil Sodoma u 'l Gomorra - bħall-ġnien tal-Mulej u bħall-art tal-Eġittu sa ħdejn Sogħar.

11U Lot għażel l-inħawi kollha madwar il-Ġordan u telaq lejn il-Lvant; u hekk tbiegħdu minn xulxin.

12Abram baqa' jgħammar fl-art ta' Kangħan u Lot beda jgħammar fl-ibliet tal-wied u waqqaf l-għerejjex sa Sodoma.

13Imma n-nies ta' Sodoma kienu ħżiena u midinba ħafna quddiem il-Mulej.

14U l-Mulej kellem lil Abram wara li Lot kien tbiegħed minnu: "Arfa' għajnejk u ħares mill-post fejn int qiegħed, lejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar, lejn il-Lvant u l-Punent;

15l-art kollha li qiegħed tara, lilek nagħtiha u lil nislek għal dejjem.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

[16]U nagħmel lil nislek bħat-trab tal-art. Jekk xi ħadd jista' jgħodd it-trab tal-art, lil nislek ukoll ikun jista' jgħodd.

[17]Qum u aqsam l-art minn tulha u mill-wisa' tagħha, għax lilek se nagħtiha."

[18]U rafa' Abram l-għarix u mar jgħammar ħdejn il-balluta ta' Mamri, li hemm f'Hebron. U bena hemm artal lill-Mulej.

# Ġenesi 14

### L-Invażjoni tas-slaten tal-Lvant

[1]Ġara li fi żmien Amrafel sultan ta' Singħar, Arjok sultan ta' Ellasar, Kedorlagħomer sultan ta' Għelam, u Tidgħal sultan ta' Gojim,

[2]dawn is-slaten għamlu gwerra kontra Bera sultan ta' Sodoma u Birsa sultan Gomorra, Sinab sultan ta' Adma u Semeber sultan ta' Sebojim, u s-sultan ta' Bela, li hi Sogħar.

[3]Dawn kollha nġemgħu fil-wied ta' Siddim, li hu l-Baħar il-Mielaħ.

[4]Għal tnax-il sena kienu jaqdu lil Kedorlagħomer, u fit-tlettax-il sena rvillaw.

[5]Fl-erbatax-il sena ġie Kedorlagħomer bis-slaten li kellu miegħu u ħabtu għar-Refajin f'Għastarot-karnajm u għaż-Żużin f'Ham, u għall-Emin f'Sawekirjatajm,

[6]u għall-Horin fuq il-muntanji tagħhom ta' Segħir sa El-faran, ħdejn id-deżert.

[7]U reġgħu lura lejn Għajnmisfat, li hi Kades, u ħabtu għall-art tal-Għamalakin, u wkoll għall-Amurrin li kienu jgħammru f'Hasson-tamar.

[8]U ħarġu s-sultan ta' Sodoma, u s-sultan ta' Gomorra, u s-sultan ta' Adma, u s-sultan ta' Sebojim, u s-sultan ta' Bela, li hi Sogħar, u tqassmu għall-battalja kontrihom fil-wied ta' Siddim,

[9]jiġifieri kontra Kedorlagħomer sultan ta' Għelam, u Tidgħal sultan ta' Gojim, u Amrafel sultan ta' Singħar, u Arjok sultan ta' Ellasar, erba' slaten kontra ħamsa.

[10]Il-wied ta' Siddim kien miżgħud bil-bjar tal-qatran, u huma u jaħarbu, is-slaten ta' Sodoma u Gomorra waqgħu fihom, u l-bqija ħarbu lejn il-muntanji.

[11]U l-għadu qabad il-ġid kollu ta' Sodoma u Gomorra u l-ikel tagħhom kollu, u telqu.

[12]Huma u sejrin ħadu lil Lot ukoll, bin ħu Abram, b'ġidu kollu, għax hu kien joqgħod f'Sodoma.

### Abram isalva lil Lot


© 2020 Malta Bible Society.

13U ġie wieħed mill-maħrubin u ta l-aħbar lil Abram, l-Għebrew, li kien joqgħod
ħdejn il-ballut ta' Mamri, l-Amurri, ħu Eskol u ħu Għaner; għax dawn kienu
mseħbin b'patt ma' Abram.

14Malli Abram sema' li 'l ħuh kienu ħaduh ilsir, ħareġ bin-nies imħarrġa tiegħu,
nies imwielda f'daru, tliet mija u tmintax-il ruħ, u għamel għal warajhom sa Dan.

15Hemm qassam in-nies tiegħu billejl, hu u l-qaddejja tiegħu, u baqa' jiġri
warajhom sa Ħoba, fuq it-Tramuntana ta' Damasku,

16u ħa lura l-ġid kollu; ġieb lura lil Lot, ħuh, u l-ġid tiegħu, in-nisa u n-nies l-oħra.

### Melkisedek jilqa' lil Abram

17U ħareġ is-sultan ta' Sodoma jiltaqa' miegħu hu u ġej lura mit-taqtigħa ma'
Kedorlagħomer u s-slaten li kienu miegħu lejn il-wied ta' Sawi, li hu Wied is-
Sultan.

18U Melkisedek, sultan ta' Salem, li kien qassis ta' El-għeljon, Alla l-għoli, ħareġ
bil-ħobż u l-inbid.

19U bierku u qallu: "Imbierek Abram minn El-għeljon, li għamel is-sema u l-art.

20U mbierek El-għeljon li reħa f'idek l-għedewwa tiegħek." U Abram tah l-għexur
minn kollox.

21U s-sultan ta' Sodoma qal lil Abram: "Agħtini n-nies, u l-ġid żommu għalik."

22U Abram wieġeb lis-sultan ta' Sodoma: "Ngħolli idejja lejn il-Mulej, El-għeljon,
li għamel is-sema u l-art,

23u naħlef li la ħajta u anqas qafla ta' qorq, xejn ma nieħu minn kulma hu tiegħek
biex ma tgħidx: 'Jien għanejt lil Abram.'

24Xejn ma nieħu ħlief dak li kielu ż-żgħażagħ u sehem in-nies li ġew miegħi:
Għaner, Eskol u Mamri. Dawn jieħdu sehemhom."

## Ġenesi 15

### Il-patt bejn Alla u Abram

1Wara dawn il-ġrajja ġiet il-kelma tal-Mulej lil Abram f'dehra u qallu: "La tibżax,
Abram! Jiena tarka għalik; ħlasek ikun kbir ħafna."

2U Abram qallu: "Sidi Mulej, x'se tagħtini, għax se nibqa' bla tfal, u l-werriet ta'
dari se jkun Eligħeżer ta' Damasku."

3U Abram żied jgħid: "Ara, int lili ma tajtnix nisel, u qaddej dari se jiritni."

4U ara, waslitlu l-kelma tal-Mulej u qallu: "Ma jirtekx dan, imma wieħed ħiereġ
mill-ġewwieni tiegħek, hu għad jirtek."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

5U ħarġu barra u qallu: "Hares sewwa lejn is-smewwiet u għodd il-kwiekeb, jekk għandek ħila tgħoddhom." U żied jgħidlu: "Hekk għad ikun nislek."

6U hu emmen fil-Mulej, u dan għaddhulu b'ġustizzja.

7U qallu: "Jiena l-Mulej li ħriġtek minn Ur tal-Kaldin, biex nagħtik din l-art b'wirt."

8U qallu Abram: "Sidi Mulej, kif inkun naf li se niritha?"

9U wieġbu: "Hudli għoġla ta' tliet snin, mogħża ta' tliet snin, muntun ta' tliet snin, gamiema u ħamiema."

10U ħadlu dawn kollha, u qasamhom min-nofs, u kull nofs qiegħdu biswit l-ieħor; imma l-għasafar ma qasamhomx.

11U niżlu l-għasafar tal-priża għal fuq l-iġsma mejtin, imma Abram gerrixhom lura.

12Hi u nieżla x-xemx waqa' fuq Abram ngħas qawwi, u waqgħu fuqu biża' u dalma kbira.

13U l-Mulej qal lil Abram: "Frustier għad jgħammar nislek f'art li ma tkunx tiegħu. Hemm iħaddmuhom u jgħakksuhom għal erba' mitt sena. Imma l-ġens li huma jaqdu nagħmel ħaqq minnu jien.

14U wara dan joħorġu b'ġid kbir.

15Int mur bis-sliema għand missirijietek u tindifen meta tkun xjeħt sewwa.

16U fir-raba' nisel jerġgħu lura hawnhekk, għax il-ħażen tal-Amurrin s'issa għadu ma laħaqx l-aqwa tiegħu."

17Meta x-xemx kienet niżlet u kien dalam, kenur idaħħan u lsien nar iżiġġ qasmu minn bejn il-bċejjeċ tal-laħam.

18Dakinhar il-Mulej għamel patt ma' Abram u qallu: "Lil nislek nagħti din l-art, mix-xmara tal-Eġittu sax-xmara l-kbira, ix-xmara tal-Ewfrat,

19l-art tal-Kenin u tal-Keneżin, tal-Kadmunin

20u tal-Hittin, tal-Periżżin u tar-Refajin,

21tal-Amurrin u tal-Kangħanin, tal-Girgasin u tal-Ġebusin."

# Ġenesi 16

### Saraj u Ħagar

1U Saraj, mart Abram, ma wilditlux tfal; u kellha qaddejja Eġizzjana jisimha Hagar.


© 2020 Malta Bible Society.

[2]U Saraj qalet lil Abram: "Ara, il-Mulej ma tanix li niled. Ersaq lejn il-qaddejja
tiegħi, forsi jkolli tfal minnha." U Abram sama' minn kliem Saraj.

[3]U Saraj mart Abram qabdet lil Hagar, il-qaddejja Eġizzjana tagħha, għaxar snin
wara li Abram kien ilu jgħammar f'Kangħan, u tatha lil Abram żewġha b'martu.

[4]U Abram resaq lejn Hagar, u din tqalet, u malli ntebħet li tqalet, lil sidtha ma
stmathiex aktar.

[5]U Saraj qalet lil Abram: "Int taħti għal għajbi! Jiena tajtek il-qaddejja tiegħi fi
ħdanek, u issa, għax rat li tqalet, mhijiex tistmani aktar. Ha jagħmel ħaqq il-Mulej
bejni u bejnek!"

[6]U Abram wieġeb lil Saraj: "Ara l-qaddejja tiegħek f'idejk, agħmlilha li jidhirlek
li hu sewwa." U Saraj għakksitha, u l-oħra ħarbet minn quddiem għajnejha.

[7]U sabha l-anġlu tal-Mulej ħdejn għajn tal-ilma fid-deżert, l-għajn li hemm fit-
triq ta' Sur.

[8]U qalilha: "Hagar, qaddejja ta' Saraj, mnejn ġejja, u fejn int sejra?" U hi wieġbet:
"Jiena ħrabt minn quddiem sidti Saraj."

[9]U weġibha l-anġlu tal-Mulej: "Erġa' lura lejn sidtek, u oqgħod għaliha."

[10]U żied jgħidilha l-anġlu tal-Mulej: "Jien inkattar fuq li nkattar lil nislek, u ma
jingħaddx għall-kotra."

[11]U kompla jgħidilha l-anġlu tal-Mulej: "Arak, int tqila u tiled iben, u ssejjaħlu
Ismagħel. Għax il-Mulej sama' b'hemmek.

[12]U hu jkun bniedem bħal ħmar selvaġġ, idu kontra kulħadd, u id kulħadd
kontrih, u kontra ħutu kollha jgħammar."

[13]Imbagħad hi semmiet il-Mulej li kien kellimha: "Int El-roj, Alla li tħalli 'l min
jarak." Għax qalet: "Ma rajtux jien, u bqajt ħajja wara li rajtu?"

[14]U għalhekk sejħet dak il-bir, Bir-laħaj-roj, il-bir li hemm bejn Kades u Bered.

[15]U Hagar wildet iben lil Abram, u Abram semma t-tifel li wilditlu Hagar
Ismagħel.

[16]U Abram kellu sitta u tmenin sena meta Hagar wilditlu lil Ismagħel.

## Ġenesi 17

### Il-patt taċ-ċirkonċiżjoni

[1]U Abram kellu disgħa u disgħin sena meta deherlu l-Mulej u qallu: "Jien El-
Xaddaj. Imxi quddiemi u kun perfett.

[2]U jien nagħmel patt bejni u bejnek, u nkattrek fuq li nkattrek."


© 2020 Malta Bible Society.

3U Abram inxteħet wiċċu fl-art, u Alla kellmu u qallu:

4"Hawn jien. Ara l-patt tiegħi miegħek: Int tkun missier ta' ħafna ġnus.

5U ma tissejjaħx aktar Abram, imma Abraham ikun ismek, għax missier ħafna ġnus nagħmel minnek.

6U jiena nkattrek fuq li nkattrek, u nagħmel minnek ġnus sħaħ, u slaten joħorġu minnek.

7U jien nagħmel il-patt tiegħi bejni u bejnek, bejni u bejn nislek warajk skont il-ġenerazzjonijiet tagħhom, patt għal dejjem, li nkun Alla tiegħek u ta' nislek għal dejjem warajk.

8U jien nagħti lilek u lil nislek l-art fejn int frustier, l-art kollha ta' Kangħan, biex tkun tiegħek għal dejjem, u jiena nkun Alla tagħhom."

9U Alla żied jgħid lil Abraham: "U int iżżomm il-patt tiegħi, int u nislek warajk, skont il-ġenerazzjonijiet tagħhom."

10Dan hu l-patt li għandkom tħarsu bejni u bejnkom, u bejni u bejn nislek warajk għal dejjem: aħtnu kull raġel fostkom.

11Intom tkun maħtuna fil-laħam ta' ġisimkom, u dan ikun sinjal bejni u bejnkom.

12Jinħaten kull tifel tagħkom ta' tmint ijiem fil-ġenerazzjonijiet tagħkom, sew jekk ikun imwieled f'darek, sew il-mixtri bil-flus mingħand il-barrani li ma jkunx min-nisel tiegħek.

13Jinħaten sew dak li jkun imwieled f'darek, sew dak li jkun mixtri bi flusek. U l-patt tiegħi jkun minqux f'laħamkom b'patt għal dejjem.

14U r-raġel li ma jinħatinx f'ġismu, jiġifieri li ma jinqatagħlux il-laħam ta' ġismu, jinqata' dan ir-raġel mill-bqija tal-poplu tiegħu, għax ikun kiser il-patt tiegħi."

### Il-wegħda lil Saraj

15U Alla żied jgħid lil Abraham: "Saraj martek, ma jkunx jisimha aktar Saraj, imma Sara jkun isimha.

16Għax jiena nberikha u minnha wkoll nagħti lilek iben. U jien inberikha u tkun omm ta' popli li minnha joħorġu slaten ta' ġnus."

17U nxteħet għal wiċċu fl-art Abraham u daħak, u qal f'qalbu: "Huwa wieħed ta' mitt sena jitweldulu t-tfal? U Sara mara ta' disgħin sena tista' tiled?"

18U Abraham qal lil Alla: "Jalla Ismagħel ikun taħt għajnejk."

19U Alla wieġbu: "Le! Sara, martek, tilidlek iben u ssemmih Iżakk, u jien nagħmel il-patt tiegħi miegħu għal dejjem, u ma' nislu warajh.


© 2020 Malta Bible Society.

20Dwar Ismagħel, smajtek. Ara, jiena nbierku, inkattru u nkabbru ħafna ħafna. Ikun il-missier ta' tnax-il prinċep; u nagħmel minnu ġens kbir.

21Imma l-patt tiegħi nagħmlu ma' Iżakk, li għad tilidlek Sara bħal dan iż-żmien sena oħra."

22U Alla temm jitkellem miegħu, u tala' minn quddiem Abraham.

23U Abraham qabad lil Ismagħel, ibnu, u lil kull min kien twieled f'daru, u 'l kull min kien xtrah bil-flus, kull raġel fost in-nies ta' dar Abraham; u ħatinhom fil-laħam ta' ġisimhom dak in-nhar stess kif kien qallu Alla.

24U Abraham kellu disgħa u disgħin sena meta nħaten fil-laħam ta' ġismu.

25Ibnu Ismagħel kellu tlettax-il sena meta nħaten fil-laħam ta' ġismu.

26Dak in-nhar stess inħatnu Abraham u Ismagħel ibnu.

27U l-irġiel kollha ta' daru, dawk li twieldu f'daru, u dawk li kienu mixtrija bil-flus mingħand il-barrani, inħatnu miegħu.

## Ġenesi 18

### Abraham u t-tliet anġli

1U l-Mulej deher lil Abraham ħdejn il-ballut ta' Mamri; u hu kien fil-bieb tal-għarix fl-aqwa tas-sħana tal-jum.

2U rafa' għajnejh u ħares, u ra tlitt irġiel weqfin quddiemu; u malli rahom mar jiġri jilqagħhom mill-bieb tal-għarix u nxteħet wiċċu fl-art quddiemhom.

3U qal: "Sidi, jekk jien sibt ħniena f'għajnejk, tibqax għaddej minn quddiem il-qaddej tiegħek.

4Ħa nġib ftit ilma u aħslu riġlejkom, u strieħu taħt is-siġra,

5sakemm inġibilkom gidma ħobż, biex titrejqu, imbagħad tibqgħu sejrin - għax għalhekk għaddejtu għand il-qaddej tagħkom." U huma qalulu: "Tajjeb, agħmel kif għedt."

6U Abraham ħaffef lejn l-għarix, ħdejn Sara, u qalilha: "Fittex lesti tliet sigħan smid, agħġnu u agħmlu ftajjar."

7U Abraham mar jiġri ħdejn il-baqar u ħa għoġol tari u sabiħ, u tah lill-qaddej; u dan fittex ilestih.

8U ħa l-baqta u l-ħalib u l-għoġol li kien lesta, u qegħedhom quddiemhom. U hu baqa' bilwieqfa quddiemhom taħt is-siġra, u huma bdew jieklu.

9U staqsewh: "Fejn hi Sara, martek?" U hu weġibhom: "Hemm fl-għarix."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

10 U qallu: “Nerġa’ niġi għandek bħal dan iż-żmien sena, u ara, Sara martek ikollha iben.” U Sara kienet qiegħda tissamma’ minn bieb l-għarix, u hu kien warajh.

11 Abraham u Sara kienu xjuħ imdaħħla fiż-żmien, u kienet waqfitilha l-imxija tan-nisa.

12 U Sara daħket f’qalbha u qalet: “Wara li dbilt u sidi diġà xjieħ sa jkolli l-pjaċir?”

13 U l-Mulej qal lil Abraham: “Għala daħket Sara u qalet: ‘Tgħid minnu li sa niled, meta jien xjaħt?’

14 Hemm xi ħaġa iebsa żżejjed għall-Mulej? Bħal dan iż-żmien sena nerġa’ niġi għandek, u Sara jkollha iben.”

15 U Sara ċaħdet u qalet: “Ma dħaktx.” Għax beżgħet. U hu qalilha: “Le, dħakt żgur.”

16 U l-irġiel qamu minn hemm, u dawru wiċċhom lejn Sodoma; u Abraham mar magħhom biex iqabbadhom it-triq.

17 U l-Mulej qal: “Se nibqa’ naħbi x’se nagħmel minn Abraham?

18 Għax Abraham għad ikun ġens kbir u qawwi, u bih jitbierku l-ġnus kollha tal-art.

19 Jiena ħtartu sabiex iwissi lil uliedu u lil daru warajh biex iżommu fit-triq tal-Mulej u jagħmlu l-ħaqq u s-sewwa, u b’hekk il-Mulej iġib fuq Abraham kulma wiegħdu.”

20 U l-Mulej qal: “Hemm l-għajta qawwija ta’ Sodoma u Gomorra u t-toqol kbir ta’ dnubhom.

21 U issa se ninżel u nara jekk għamlux għalkollox skont l-għajta tagħhom li waslet għandi. Jekk le, inkun naf.”

22 Dawk l-irġiel kisru minn hemm, u rħewlha lejn Sodoma; imma l-Mulej baqa’ wieqaf quddiem Abraham.

23 U Abraham resaq lejn il-Mulej u staqsieh: “U int se teqred it-tajjeb mal-ħażin?

24 U jekk hemm ħamsin bniedem ġust f’nofs il-belt, jaqaw lil dawn se teqridhom u ma taħfirx lill-pajjiż minħabba l-ħamsin ġust li hemm f’nofsha?

25 Ma jkun qatt li inti tagħmel ħaġa bħal din, li toqtol il-bniedem ġust mal-ħażin, u l-ġust u l-ħażin tmisshom l-istess xorti. Ma jkun qatt minnek, l-imħallef tal-art kollha, li ma tagħmilx ġustizzja.”

26 U l-Mulej wieġeb: “Jekk jiena nsib ħamsin bniedem ġust f’nofs il-belt, jien naħfirha lill-post kollu minħabba fihom.”

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

27U wieġeb Abraham u qal: "Arani, jien issugrajt nitkellem mal-Mulej, għalkemm jien trab u rmied.

28U jekk hemm nieqsa ħamsa għall-ħamsin ġust, minħabba ħamsa u erbgħin se teqred il-belt kollha?" U wieġbu l-Mulej: "Ma neqridhiex jekk insib fiha ħamsa u erbgħin."

29Imma Abraham kompla jitkellem miegħu u jgħidlu: "U jekk issib hemm erbgħin?" U wieġbu: "Ma nagħmilx dan, minħabba l-erbgħin."

30U qallu: "La tagħdabx, Sidi, jekk nerġa' nitkellem: u jekk jinstabu tletin?" U hu wieġeb: "Ma nagħmilx dan, jekk insib hemm tletin."

31U raġa' qallu: "Ara kif nissogra nkellem lil Sidi: U jekk jinstabu hemm għoxrin?" U l-Mulej wieġeb: "Ma neqridhiex minħabba l-għoxrin."

32U wieġeb: "La tagħdabx, Sidi, jekk nerġa' nitkellem darba oħra biss: U jekk jinstabu hemm għaxra?" U hu qallu: "Ma neqridhiex minħabba l-għaxra."

33U malli l-Mulej temm jitkellem ma' Abraham, il-Mulej telaq, u Abraham raġa' lura lejn daru.

# Ġenesi 19

### L-anġli fid-dar ta' Lot

1U ż-żewġ anġli waslu Sodoma filgħaxija; u Lot kien qiegħed fil-bieb ta' Sodoma. Malli Lot rahom qam u mar jilqagħhom, u nxteħet wiċċu fl-art quddiemhom.

2U qalilhom: "Ara, sidien tiegħi, jekk jogħġobkom, duru lejn id-dar tal-qaddej tagħkom; għaddu l-lejl hemm, aħslu riġlejkom u mbagħad bakkru u morru għal triqtkom." U qalulu: "Le! ngħaddu l-lejl fil-misraħ."

3U hu baqa' jissikkahom, u huma lwew lejn daru u marru għandu. U lestielhom ikla, ħmielhom ħobż bla ħmira, u kielu.

4Qabel ma raqdu, in-nies tal-belt, in-nies ta' Sodoma, miż-żgħir sal-kbir, il-poplu kollu minn kull naħa, dawru d-dar.

5U sejħu lil Lot u qalulu: "Fejn huma n-nies li daħlu għandek illejla? Oħroġhomlna, ħalli ninqdew bihom."

6Lot ħareġ għalihom ħdejn il-bieb, u għalaq il-bieb warajh.

7U mbagħad qalilhom: "Le, ħuti, tagħmlux id-deni.

8Araw, jien għandi żewġt ibniet li għadu ma għarafhom ħadd, ħa noħroġhomlkom it-tnejn u għamlulhom kulma jogħġobkom f'għajnejkom. Imma lil dawn l-irġiel la tagħmlulhom xejn, la darba daħlu għall-kenn tas-saqaf tiegħi."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

[9]Imma huma qalulu: "Warrab minn hawn." U bdew jgħidu: "Dan ġie frustier f'nofsna, u issa jrid jagħmilha ta' mħallef! Nagħmlulek agħar minnhom." U ħebbu għal Lot b'kemm kellhom saħħa, u kienu għoddhom kissru l-bieb.

[10]Imma l-irġiel meddew idejhom, u daħħlu lil Lot fid-dar, u sakkru l-bieb.

[11]U l-irġiel li kienu ħdejn il-bieb għamewhom ilkoll, miż-żgħir sal-kbir, u dawn għejew ifittxu l-bieb.

[12]U l-irġiel qalu lil Lot: "Lil min fadallek aktar? Hatnek, uliedek, subien u bniet, u kulma għandek fil-belt, oħroġhom minn dan il-post.

[13]Għax aħna se neqirdu dan il-post, għax l-għajta tagħhom kbira waslet quddiem il-Mulej u għalhekk bagħatna l-Mulej biex neqirduha."

[14]U ħareġ Lot u qal liż-żewġt irġiel, li kienu żżewġu liż-żewġt ibniet tiegħu: "Qumu, oħorġu minn hawn, għax il-Mulej se jeqred il-belt." Imma ħtienu dehrilhom li qiegħed jiċċajta.

[15]Malli beda jisbaħ, l-anġli bdew jgħaġġlu lil Lot u jgħidulu: "Qum, aqbad lil martek u ż-żewġt ibniet tiegħek, li hawn miegħek, li ma tinqeridx fil-kastig tal-belt."

[16]U beda jitnikker; imma l-irġiel qabduh minn idu, lilu, lil martu u ż-żewġt ibniet tiegħu, minħabba l-ħniena tal-Mulej għalih; u ħarġuh, u wassluh 'il barra mill-belt.

[17]U malli ħarġuhom 'il barra qalulhom: "Aħrab, għax hemm ħajtek fin-nofs. La tħarisx warajk u anqas tieqaf imkien f'dawn l-inħawi. Aħrab lejn l-għoljiet li ma tinqeridx."

[18]U Lot qalilhom: "Le, Sidi.

[19]Ara, s'issa sab ħniena f'għajnejk il-qaddej tiegħek, u kbira l-ħniena li wrejt miegħi biex salvajtli ħajti. Imma jiena ma nistax naħrab lejn l-għoljiet bla ma tilħaqni l-ħsara u mmut.

[20]Ara, hawn din il-belt fil-qrib, ħa nistkenn hemm, belt żgħira hi. Halli naħrab u nistkenn hemm - mhix belt żgħira? - u nsalva ħajti."

[21]U wieġbu: "Ara jien se naqtagħlek xewqtek f'din il-ħaġa wkoll; m'iniex se neqred il-belt li għedtli.

[22]Fittex aħrab hemmhekk, għax ma nista' nagħmel xejn qabel ma tasal hemm." Għalhekk semmew dik il-belt Sogħar.

### Il-qerda ta' Sodoma u Gomorra

[23]U x-xemx kienet tielgħa fuq l-art, meta Lot wasal Sogħar.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

24U l-Mulej bagħat ix-xita fuq Sodoma u Gomorra, xita ta' kubrit u nar mis-smewwiet mingħand il-Mulej.

25U qered dawk l-ibliet u l-inħawi kollha ta' madwarhom, u 'l kull min kien jgħammar fihom, u l-ħdura kollha tal-art.

26U l-mara ta' Lot ħarset lura, minn warajh, u saret plier tal-melħ.

27U Abraham qam filgħodu kmieni u rħielha lejn il-post fejn kien qagħad quddiem il-Mulej.

28U ħares lejn Sodoma u Gomorra, u fuq l-art kollha ta' madwarhom, u ra li kien tiela' duħħan mill-art, bħad-duħħan ta' forn.

29Meta Alla qered l-ibliet tal-wita, Alla ftakar f'Abraham u ħareġ lil Lot minn nofs il-qerda, meta qered l-ibliet, li fihom kien jgħammar Lot.

### Nisel il-Mowabin u l-Għammonin

30U Lot tala' minn Sogħar, u mar jgħammar fuq l-għoljiet maż-żewġ uliedu bniet, għax baża' jgħammar f'Sogħar. U kienu jgħixu f'għar, hu u ż-żewġt ibniet tiegħu.

31U l-kbira qalet liż-żgħira: "Missierna xjieħ, u ma hawn ebda raġel biex jersaq lejna skont id-drawwa tal-art kollha.

32Ejja nisqu l-inbid lil missierna u norqdu miegħu, u nżommu n-nisel ħaj minn missierna."

33U sqew l-inbid lil missierhom dak il-lejl stess, u l-kbira resqet lejh, u mteddet ma' missierha, u dan ma ntebaħx biha, la meta mteddet u lanqas meta qamet.

34U l-għada l-kbira qalet liż-żgħira: "Ara, jien imteddejt ma' missieri l-lejl l-ieħor, ħa nisquh l-inbid illejla wkoll, u mur inti mtedd miegħu, u hekk inżommu n-nisel ħaj minn missierna."

35U dak il-lejl ukoll sqew l-inbid lil missierhom, u ż-żgħira qamet u marret imteddet miegħu, u hu ma ntebaħx biha, la meta raqdet u lanqas meta qamet.

36U ż-żewġt ibniet ta' Lot tqalu minn missierhom.

37U l-kbira wildet iben u semmietu Mowab - missier il-Mowabin sal-lum.

38U ż-żgħira wkoll wildet iben u semmietu Bin-għammi - missier l-Għammonin sal-lum.

## Ġenesi 20

### Abraham f'Gerar

1U Abraham telaq minn hemm lejn in-Negeb, u baqa' jgħammar bejn Kades u Sur; u baqa' bħal frustier f'Gerar.


© 2020 Malta Bible Society.

2U Abraham kien jgħid dwar Sara, martu: "Din oħti." U Abimelek sultan ta' Gerar bagħat jieħu lil Sara b'martu.

3U Alla ġie billejl fil-ħolm għand Abimelek u qallu: "Arak, int se tmut minħabba l-mara li ħadt, għax hi miżżewġa."

4Imma Abimelek kien għadu ma resaqx lejha, u għalhekk qallu: "Int teqred ukoll in-nies sewwa?

5Mhux hu qalli 'Din hi oħti', u hi stess qalet: 'Dan hu ħija'? B'qalb safja u b'idejn indaf għamilt dan."

6U Alla wieġbu fil-ħolma: "Jiena wkoll naf li b'qalb safja għamilt dan, u jien ukoll żammejtek 'il bogħod milli tidneb kontrija. Għalhekk jien ma ħallejtekx tersaq lejha.

7Issa, mela, rodd lura l-mara lil dan ir-raġel, għax hu profeta, u hu jitlob għalik, u int tgħix. U jekk ma troddhiex lura, kun af li tmut żgur, int u min għandek."

8U Abimelek qam filgħodu kmieni, u sejjaħ il-qaddejja tiegħu kollha, u qal dan kollu quddiemhom li jisimgħuh; u dawn in-nies beżgħu ħafna.

9U Abimelek sejjaħ lil Abraham u qallu: "X'għamiltilna? Fiex inqastek biex ġibt fuqi u fuq saltnati din il-ħtija kbira? Għamiltli ħwejjeġ li ma għandhomx isiru."

10U kompla jgħid Abimelek lil Abraham: "X'kellek f'rasek biex għamilt dan?"

11U Abraham wieġeb: "Għax jien għedt: 'Mhawnx biża' ta' Alla hawnhekk; għandu mnejn joqtluni minħabba marti.'

12U fis-sewwa din hi oħti, għax bint missieri hi, imma mhijiex bint ommi, u saret marti.

13U meta Alla ġagħalni noħroġ minn dar missieri jien għedtilha: 'Agħmilli dan il-favur li kull fejn immorru tgħid fuqi li int oħti.' "

14Imbagħad Abimelek ħa nagħaġ u baqar u lsiera, irġiel u nisa, u tahom lil Abraham, u raddlu lura 'l Sara, martu,

15u Abimelek qallu: "Ara, hawn arti quddiemek, oqgħod fejn jogħġbok."

16U lil Sara qalilha: "Ara, jien lil ħuk tajtu elf biċċa tal-fidda. Dawn iservu ta' għamad f'għajnejn dawk kollha li għandek miegħek, u hekk int iġġustifikata quddiem kulħadd."

17U Abraham talab lil Alla; u Alla fejjaq lil Abimelek, u lil martu u 'l qaddejja tiegħu, u dawn wildu.

18Għax il-Mulej kien għalaq kull ġuf f'dar Abimelek minħabba l-biċċa ta' Sara, mart Abraham.


© 2020 Malta Bible Society.

# Ġenesi 21

### It-twelid ta' Iżakk

1U l-Mulej żar lil Sara bħalma kien qalilha, u għamel magħha dak li kien
wegħedha.

2U Sara tqalet u wildet iben lil Abraham fi xjuħitu, fiż-żmien li kien qallu Alla.

3U Abraham semma 'l ibnu li twelidlu, li kienet wilditlu Sara, Iżakk.

4U Abraham ħaten lil Iżakk meta kellu tmint ijiem, bħalma kien ordnalu Alla.

5U Abraham kellu mitt sena meta twelidlu ibnu Iżakk.

6U Sara qalet: "Ġiebli t-tbissima Alla; kull min jisma' jitbissimli."

7U żiedet tgħid: "Min kellu jgħidlu lil Abraham, li Sara kellha t-tfal! Għax wilidtlu
iben fi xjuħitu."

### It-tkeċċija ta' Ħagar u Ismagħel

8U t-tarbija kibret, u nfatmet. U Abraham għamel ikla kbira f'jum il-ftim ta' Iżakk.

9U Sara lemħet lil bin Hagar, l-Eġizzjana, dak li kienet wildet lil Abraham, jilgħab
ma' Iżakk binha.

10U qalet lil Abraham: "Keċċihom 'il barra, lil din il-qaddejja u 'l binha. Għax ma
għandux bin din il-qaddejja jaqsam il-wirt ma' ibni Iżakk."

11U din il-ħaġa ma għoġbot xejn lil Abraham minħabba ibnu.

12U Alla qal lil Abraham: "La tinkwetax għaż-żagħżugħ u għall-qaddejja; kulma
qaltlek Sara, isma' minn kliemha, għax b'Iżakk jissemma nislek.

13U bin il-qaddejja wkoll, nagħmel minnu ġens, għax hu nislek."

14U Abraham bakkar filgħodu, qabad il-ħobż u żaqq ilma, u tahom lil Hagar,
qegħedhomlha fuq spallejha, u bagħatha bit-tifel magħha. U telqet tiġġerra fid-
deżert ta' Birsaba.

15Meta ntemm l-ilma taż-żaqq telqet it-tifel taħt waħda mis-siġar,

16u marret toqgħod biswitu daqs tefgħa ta' qaws 'il bogħod, għax qalet: "Ma rridx
narah imut." U kif kienet bilqiegħda biswitu, għolliet leħenha u bkiet.

17U Alla sama' leħen it-tifel, u l-anġlu ta' Alla sejjaħ lil Hagar mis-sema, u qalilha:
"X'għandek Hagar? La tibżax. Alla sama' leħen it-tifel, minn fejn hu qiegħed.

18Qum. Aqbad it-tifel, u agħmel il-qalb bih, għax jien sa nagħmlu ġens kbir."

19Imbagħad Alla fetħilha għajnejha u rat bir ilma. U marret u mliet iż-żaqq bl-
ilma u sqiet it-tifel.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

20U Alla kien maż-żagħżugħ, u dan kiber, u kien jgħammar fid-deżert, u kien jinqala' għall-qaws.

21Kien jgħammar fid-deżert ta' Faran. U ommu kisbitlu mara mill-Eġittu.

### Il-ftehim bejn Abimelek u Abraham

22U ġara li dak iż-żmien Abimelek u Fikol, il-kmandant tal-eżerċtu tiegħu, kellmu lil Abraham u qalulu: "Alla miegħek f'kulma tagħmel.

23Mela issa: Aħlifli hawn b'Alla li int ma tqarraqx la bija u lanqas b'uliedi jew b'nisli; bħalma jiena mxejt sewwa miegħek, hekk inti issa tagħmel miegħi u ma' arti, li int qiegħed tgħix fiha bħala frustier."

24U Abraham wieġeb: "Naħliflek."

25Imma Abraham tlewwem ma' Abimelek minħabba bir ilma, li kienu serqulu l-qaddejja ta' Abimelek.

26U Abimelek qallu: "Ma nafx min għamel ħaġa bħal din. U anqas int ma għarraftni, u jien ma smajtx ħlief illum."

27U Abraham ħa nagħġa u baqra, u tahom lil Abimelek u t-tnejn għamlu patt bejniethom.

28U Abraham warrab għalihom sebat iħrief mill-merħla.

29U Abimelek qal lil Abraham: "X'inhuma dawn is-sebat iħrief, li int warrabt għalihom?"

30U hu wieġbu: "Dawn is-sebat iħrief li tieħu minn idejja, ikunu ta' xhieda li jien ħaffirt dan il-bir."

31Għalhekk semma dak il-post Birsaba, għax hemm ħalfu huma t-tnejn.

32U għamlu patt f'Birsaba. U Abimelek u Fikol, il-kmandant tal-eżerċtu tiegħu, qamu minn hemm u reġgħu lura lejn art il-Filistin.

33U Abraham ħawwel tamarisk f'Birsaba, u hemm sejjaħ isem il-Mulej, El-għolam, Alla ta' dejjem.

34U baqa' jgħammar hemm għal ħafna żmien bħala frustier f'art il-Filistin.

## Ġenesi 22

### Il-prova ta' Abraham

1U wara dawn il-ġrajja Alla ried iġarrab lil Abraham u qallu: "Abraham!" U hu wieġbu: "Hawn jien!"


© 2020 Malta Bible Society.

2 U qallu: "Aqbad lil ibnek il-waħdieni, li inti tħobb, lil Iżakk; u mur lejn l-art ta' Morija, u hemm offrih b'sagrifiċċju tal-ħruq fuq waħda mill-għoljiet li jien se ngħidlek."

3 U Abraham bakkar mas-sebħ, xedd il-ħmar tiegħu, ħa tnejn mill-qaddejja tiegħu, u lil Iżakk. Qatta' l-ħatab għas-sagrifiċċju tal-ħruq, u qam, u telaq lejn il-post li qallu bih Alla.

4 Fit-tielet jum Abraham rafa' għajnejh, u lemaħ il-post mill-bogħod.

5 U Abraham qal lill-qaddejja tiegħu: "Oqogħdu hawn bil-ħmar, u jien u ż-żagħżugħ immorru sa hemm, u nagħtu qima u nerġgħu lura ħdejkom."

6 U Abraham qabad il-ħatab għas-sagrifiċċju, għabbieh fuq Iżakk ibnu, ħa f'idejh in-nar u s-sikkina, u telqu t-tnejn flimkien.

7 U Iżakk qal lil Abraham missieru: "Missier!" u dak wieġbu: "Hawn jien, ibni." U Iżakk wieġbu: "Hawn huma n-nar u l-ħatab, fejn hu l-ħaruf għas-sagrifiċċju tal-ħruq?"

8 U Abraham wieġbu: "Alla jaħseb hu għall-ħaruf għas-sagrifiċċju, ibni." U baqgħu sejrin it-tnejn flimkien.

9 U waslu fil-post li kien semmielu Alla; u hemm Abraham bena l-artal u firex il-ħatab fuqu, u rabat lil ibnu Iżakk u qiegħdu fuq l-artal, fuq il-ħatab.

10 U Abraham medd idu u qabad is-sikkina biex joqtol lil ibnu.

11 U sejjaħlu l-anġlu tal-Mulej mis-smewwiet u qallu: "Abraham, Abraham!" U dan wieġbu: "Hawn jien." U qallu:

12 "La tmiddx idek fuq iż-żagħżugħ u tagħmillu ebda ħsara; għax issa naf li inti tibża' minn Alla, u ma ċaħħadtnix minn ibnek il-waħdieni."

13 U Abraham rafa' għajnejh, ta ħarsa madwaru, u ra muntun warajh maqbud minn qrunu fil-frieghi. U Abraham mar u qabad il-muntun, u offrieh b'sagrifiċċju tal-ħruq minflok ibnu.

14 U Abraham semma dak il-post: "Jaħweh-jire, jiġifieri, il-Mulej jipprovdi," kif għadu jingħad sal-lum: "Fuq il-muntanja Jaħweh-jire, il-Mulej jipprovdi."

15 U għat-tieni darba l-anġlu tal-Mulej sejjaħ lil Abraham mis-smewwiet

16 u qallu: "Naħlef fuq ruħi - oraklu tal-Mulej - la darba int għamilt ħaġa bħal din, u ma ċaħħadtnix minn ibnek il-waħdieni,

17 jien inbierkek żgur u nkattarlek sewwa lil nislek bħall-kwiekeb tas-sema u bħar-ramel f'xatt il-baħar; u nislek għad jiret bwieb l-għedewwa tiegħu.

18 U jitbierku b'nislek il-ġnus kollha tal-art talli smajt minn kelmti."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[19]U Abraham raġa' lura ħdejn il-qaddejja tiegħu, u qabdu u telqu flimkien lejn Birsaba. U Abraham baqa' jgħammar f'Birsaba.

[20]Wara dawn il-ġrajja ħabbru lil Abraham u qalulu: "Ara, lil ħuk Naħor ukoll, Milka wilditlu t-tfal:

[21]lil Għus, il-kbir; u 'l Buż ħuh; u 'l Kemwel, Aram,

[22]u 'l Kesed, u 'l Ħażu, u 'l Pildas, u 'l Ġedlaf, u 'l Betwel."

[23]U Betwel wiled 'il Rebekka. Dawn it-tmienja wildithom Milka lil Naħor, ħu Abraham.

[24]U l-konkubina tiegħu, li kien jisimha Rewma, wilditlu wkoll 'il Tebaħ, 'il Gaħam, 'il Taħas u 'l Magħka.

## Ġenesi 23

### Il-mewt u d-difna ta' Sara

[1]U Sara laħqet l-għomor ta' mija u sebgħa u għoxrin sena. Dawn kienu s-snin ta' ħajjet Sara.

[2]U mietet Sara f'Kirjat-arba, li hi Hebron, fl-art ta' Kangħan. Abraham daħal jagħmel il-vistu għal Sara u jibkiha.

[3]Imbagħad Abraham qam minn quddiem il-mejta, u mar ikellem lil ulied Ħet u qalilhom:

[4]"Jien qiegħed ngħix magħkom, ta' barrani u frustier. Agħtuni li jkolli qabar magħkom, u nidfen il-mejta tiegħi minn quddiemi."

[5]U wlied Ħet wieġbu lil Abraham u qalulu:

[6]"Ismagħna, sidi, int prinċep minn Alla fostna. Fl-aħjar tal-oqbra tagħna idfen il-mejta tiegħek. Hadd minna ma hu se jiċħadlek li tidfen il-mejta tiegħek f'qabru."

[7]Imma Abraham qam, inxteħet wiċċu fl-art quddiem in-nies tal-pajjiż, quddiem ulied Ħet.

[8]U kellimhom u qalilhom: "Jekk intom tixtiequ minn qalbkom li tidfnu l-mejta tiegħi minn quddiemi, isimgħuni, u idħlu għalija quddiem Għefron bin Soħar,

[9]ħa jagħtini l-għar tiegħu fl-għalqa tiegħu ta' Makfela. Jagħtihieli b'kemm tiswa flus hawn quddiemkom, biex tkun tiegħi u nagħmel qabar."

[10]U Għefron kien qiegħed f'nofs ulied Ħet. Wieġeb Għefron il-Ħitti lil Abraham li jisimgħuh il-Ħittin, li kienu deħlin mill-bieb ta' beltu, u qallu:

[11]"Le, Sidi, ismagħni. L-għalqa nagħtihielek, u l-għar li hemm fiha nagħtihulek ukoll, nagħtihielek taħt għajnejn il-poplu tiegħi, u idfen il-mejta tiegħek."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

12 U Abraham inxteħet wiċċu fl-art quddiem in-nies tal-pajjiż,

13 u kellem lil Għefron li jisimgħuh in-nies tal-pajjiż u qallu: "Li kont tismagħni int ukoll! Jien lest inħallas il-flus tal-għalqa. Hudhom mingħandi, u jien nidfen il-mejta tiegħi fiha."

14 U Għefron wieġeb lil Abraham u qallu:

15 "Ismagħni, Sidi, l-art tiswa erba' mitt xekel tal-fidda; x'inhi din is-somma bejni u bejnek? Mur idfen il-mejta tiegħek."

16 U Abraham sama' minn Għefron; u wiżen Abraham lil Għefron il-fidda li kien qallu hekk li jisimgħuh ulied Ħet; erba' mitt xekel tal-fidda li jiġru f'idejn in-neguzjanti.

17 Hekk l-għalqa ta' Għefron, li tinsab f'Makfela, biswit Mamri, l-għalqa u l-għar li hemm fiha, u s-siġar kollha li hemm fl-għalqa madwarha kollu,

18 għaddiet f'idejn Abraham b'xiri li sar taħt għajnejn ulied Ħet, quddiem dawk kollha li kienu deħlin mill-bieb tal-belt tiegħu.

19 Wara dan, imbagħad, Abraham difen lil Sara, martu, fl-għar tal-għalqa ta' Makfela biswit Mamri, li hi Ħebron, fl-art ta' Kangħan.

20 U għaddiet l-għalqa bl-għar li kien hemm fiha minn idejn ulied Ħet għal idejn Abraham, biex tkun tiegħu bħala post għad-dfin.

# Ġenesi 24

### Iż-żwieġ ta' Iżakk u Rebekka

1 Abraham kien xjieħ u mdaħħal fiż-żmien, u l-Mulej kien bierku f'kollox.

2 U Abraham qal lill-qaddej tiegħu, l-ixjeħ f'daru, li kien jeħodlu ħsieb ta' kulma kellu: "Agħmel idek taħt kuxxtejja,

3 u nġagħlek taħlifli bil-Mulej Alla tas-sema u l-art, li ma tiħux mara għal ibni mill-bniet tal-Kangħanin, li jien qiegħed ngħammar f'nofshom.

4 Imma tmur f'arti, u għand niesi, u ħu minn hemm mara għal ibni Iżakk."

5 U l-qaddej wieġbu: "U jekk il-mara ma tkunx trid tiġi miegħi, f'din l-art, ikolli nerġa' nieħu lil ibnek fl-art li minnha int ħriġt?" U Abraham wieġbu:

6 "Qis li ma tiħux lil ibni hemmhekk.

7 Il-Mulej, Alla fis-smewwiet, li ħadni minn dar missieri u minn art twelidi, u li kellimni u ħalifli u qalli: 'Lil nislek nagħti din l-art,' jibgħat l-anġlu tiegħu quddiemek u int tieħu mara għal ibni minn hemm.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

8U jekk il-mara ma tkunx trid tiġi miegħek, int tkun maħlul minn din il-ħalfa
tiegħi. Biss lil ibni teħdux hemmhekk."

9U l-qaddej għamel idu taħt kuxxtejn Abraham sidu u ħaliflu fuq dan il-kliem.

10U l-qaddej ħa għaxar iġmla mill-iġmla ta' sidu, u l-aħjar mill-ġid ta' sidu f'idejh;
qam u telaq lejn Aram-naħarajm, lejn il-belt ta' Naħor.

11U serraħ l-iġmla barra l-belt ħdejn bir tal-ilma għall-ħabta ta' filgħaxija meta
n-nisa joħorġu jimlew l-ilma.

12U qal: "Mulej, Alla ta' sidi Abraham, agħtini r-riżq illum, nitolbok, u uri t-tjieba
ma' sidi Abraham.

13Hawn jien wieqaf ħdejn l-għajn tal-ilma u l-bniet tan-nies tal-belt ħerġin
jimlew l-ilma.

14Agħmel li ż-żagħżugħa li ngħidilha: 'Niżżel il-qolla tiegħek biex nixrob,' u
tgħidli: 'Ixrob int, u jien nisqi l-iġmla tiegħek ukoll,' tkun hi li int tkun għażilt
għall-qaddej tiegħek Iżakk. Minn dan inkun naf li int urejt it-tjieba ma' sidi."

15U ġara li qabel ma temm jitkellem, hemm hi, Rebekka, li kienet twieldet lil
Betwel bin Milka, mart Naħor, ħu Abraham, ħierġa biex timla l-ilma, bil-qolla fuq
spallitha.

16U ż-żagħżugħa kienet sabiħa ħafna fil-għajn, xebba li ebda raġel ma kien għadu
għarafha; u niżlet fl-għajn u mliet il-qolla tagħha, u telgħet.

17U l-qaddej mar jiġri jilqagħha u qalilha: "Jekk jogħġbok, ħallini nixrob qatra
ilma mill-qolla tiegħek."

18U hi qaltlu: "Ixrob, sidi," u niżżlet minnufih il-qolla f'idha, u sqietu.

19Malli temmet tisqih qaltlu: "Ha nimla wkoll għall-iġmla tiegħek, sakemm
jixorbu sa jixbgħu."

20U minnufih ferrgħet il-qolla fil-ħawt, u reġgħet ġriet lejn il-bir biex timla, u
mliet għall-iġmla kollha.

21U r-raġel baqa' jħares lejha sieket biex jara jekk il-Mulej tahx ir-risq fi triqtu
jew le.

22U malli l-iġmla xebgħu jixorbu r-raġel ħa ħolqa tad-deheb tiżen nofs xekel, u
żewġ brazzuletti għal idejha jiżnu għaxar xwiekel deheb,

23U staqsieha: "Bint min int? Għidli, jekk jogħġbok, jekk hemmx post għalina
f'dar missierek biex ngħaddu l-lejl."

24U hi weġbitu: "Jien bint Betwel bin Milka, li wildet lil Naħor."


© 2020 Malta Bible Society.

25 U żiedet tgħidlu: "Għandna t-tiben u ħafna għalf, u post ukoll fejn tgħaddu l-
lejl."

26 U r-raġel niżżel wiċċu fl-art u qiem lill-Mulej, u

27 qal: "imbierek il-Mulej, Alla ta' sidi Abraham, li ma warrabx it-tjieba u l-fedeltà
tiegħu minn ma' sidi Abraham! U lili, mexxieni l-Mulej fi triqti lejn dar ħu sidi."

28 U ż-żagħżugħa marret tiġri tgħarraf lil dar ommha b'dawn il-ħwejjeġ.

29 Rebekka kellha ħuha jismu Laban, u dan Laban mar jiġri 'l barra għal ħdejn ir-
raġel ħdejn l-għajn.

30 U malli ra l-ħolqa u l-brazzuletti fuq idejn oħtu u malli sama' kliem Rebekka
oħtu tgħid: "Dan qalli r-raġel," mar ħdejn ir-raġel u sabu wieqaf bl-iġmla ħdejn
l-għajn.

31 U qallu: "Idħol ġewwa, imbierek mill-Mulej! Għala bqajt barra? Jien lestejt id-
dar u l-post għall-iġmla."

32 U r-raġel daħal id-dar; u Laban ħatt l-iġmla, u tahom it-tiben u l-għalf. U tah l-
ilma biex jaħsel riġlejh, u riġlejn in-nies li kellu miegħu.

33 U qegħdulu quddiemu biex jiekol, iżda hu qal: "Ma nikolx, qabel ma ngħid li
għandi ngħid." U qallu: "Tkellem."

34 U hu qal: "Jien il-qaddej ta' Abraham.

35 Il-Mulej bierek bis-sħiħ lil sidi u kabbru. Tah imrieħel u baqar, fidda u deheb,
irġiel u nisa lsiera, u iġmla u ħmir.

36 U Sara mart sidi wildet iben lil sidi fi xjuħitha, u tah kulma għandu.

37 U sidi ġagħalni naħliflu u qalli: "La tiħux mara għal ibni mill-bniet tal-
Kangħanin, li qiegħed ngħammar f'arthom,

38 Imma mur dar missieri, u għand qrabati, u ħu mara għal ibni minn hemm.

39 U jien għedt lil sidi: 'U jekk il-mara ma tkunx trid tiġi miegħi?'

40 U hu weġibni: 'Il-Mulej, li jien imxejt quddiemu, jibgħat l-anġlu tiegħu miegħek
u jagħtik ir-risq fi triqtek u tieħu mara lil ibni minn niesi u dar missieri.

41 Imbagħad tkun maħlul mill-ħalfa tiegħi, meta tkun mort għand qrabati; u mqar
jekk ma jagħtuhilekx, tkun maħlul mill-ħalfa.'

42 U llum wasalt ħdejn l-għajn u għedt: 'Mulej, Alla ta' sidi Abraham, jekk int issa
se tagħtini r-riżq fit-triq li qbadt,

43 hawn jien wieqaf ħdejn l-għajn tal-ilma, iż-żagħżugħa li toħroġ timla l-ilma u
ngħidilha: 'Isqini qatra ilma mill-qolla tiegħek,'

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

44u hi tgħidli: 'Ixrob int u jien nimla għall-iġmla tiegħek ukoll,' ħa tkun hi l-mara li l-Mulej għażel għal bin sidi.'

45Kont għadni lanqas temmejt kliemi f'qalbi, li ma ħarġitx Rebekka bil-qolla fuq spallitha u niżlet lejn l-għajn u mliet l-ilma. U jien għedtilha: 'Agħtini nixrob, jekk jogħġbok.'

46U minnufih niżżlet il-qolla minn fuqha u qaltli: 'Ixrob, u nisqi l-iġmla tiegħek ukoll.' U jiena xrobt u hi sqiet l-iġmla wkoll.

47"Imbagħad jien staqsejtha: 'Bint min int?' u hi wieġbet: 'Bint Betwel bin Naħor, li wilditlu Milka', u jien qegħedtilha l-ħolqa f'imneħirha u l-brazzuletti f'dirgħajha.

48Imbagħad inżilt wiċċi fl-art, u qimt lill-Mulej; u berikt lill-Mulej, Alla ta' sidi Abraham, li mexxieni fit-triq it-tajba biex nieħu bint ħu sidi għal ibnu.

49Issa jekk intom tridu turu t-tjieba u tagħmlu s-sewwa ma' sidi, għiduli: jekk le għiduli wkoll, sabiex indur lejn il-lemin jew lejn ix-xellug."

50U weġbuh Laban u Betwel u qalulu: "Mill-Mulej ġejja din il-ħaġa. Ma nistgħux ngħidulek tajjeb jew ħażin.

51Hawn hi Rebekka quddiemek, ħudha u mur; u tkun hi l-mara għal bin sidek bħalma qal il-Mulej."

52U malli l-qaddej ta' Abraham sama' kliemhom, niżel wiċċu fl-art u qiem lill-Mulej.

53U mbagħad il-qaddej ħareġ ħwejjeġ tal-fidda u ħwejjeġ tad-deheb, u lbiesi, u tahom lil Rebekka. U ta wkoll ħwejjeġ jiswew lil ħuha u lil ommha.

54U kielu u xorbu, hu u n-nies li kellu miegħu; u raqdu u qamu filgħodu kmieni, u hu qalilhom: "Halluni mmur għal għand sidi."

55U ħuha u ommha qalulu: "Ha toqgħod iż-żagħżugħa għal ftit, imqar għaxart ijiem; imbagħad titlaq."

56Imma hu qalilhom: "La ddewmunix, la darba l-Mulej ta r-riżq lil triqti, ibagħtuni ħa mmur għand sidi."

57U huma weġbuh: "Ha nsejħu liż-żagħżugħa, u nsaqsuha xi tgħid."

58U sejħu lil Rebekka u staqsewha: "Trid tmur ma' dan ir-raġel?" u wieġbet: "Immur."

59Imbagħad bagħtu lil Rebekka oħthom u l-imraddgħa tagħha, u l-qaddej ta' Abraham u n-nies tiegħu.

60U bierku lil Rebekka u qalulha: "Inti oħtna, jalla tkun eluf fuq eluf; u jiret nislek bwieb l-għedewwa tiegħu!"


© 2020 Malta Bible Society.

61U qamet Rebekka u l-qaddejja tagħha u rikbu fuq l-iġmla u telqu mar-raġel. U l-qaddej ħa lil Rebekka u telaq.

62U Iżakk kien mar Bir-laħaj-roj, għax kien joqgħod fl-art tan-Negeb.

63U Iżakk kien ħareġ jistrieħ fir-raba' għall-ħabta ta' filgħaxija, u rafa' għajnejh, u ħares, u ra l-iġmla resqin.

64U Rebekka refgħet għajnejha u rat lil Iżakk, u niżlet minn fuq il-ġemel.

65U qalet lill-qaddej: "Min hu dak ir-raġel li ġej fir-raba' jiltaqa' magħna?" u weġibha l-qaddej: "Dak sidi." U qabdet l-istar u tgħattiet bih.

66U l-qaddej qal lil Iżakk kulma kien għamel.

67U Iżakk daħħalha fl-għarix ta' Sara ommu, u ħa 'l Rebekka u saret martu u ħabbha; u hekk tfarraġ Iżakk wara l-mewt ta' ommu.

## Ġenesi 25

### L-aħħar jiem ta' Abraham

1U Abraham kompla ħa mara oħra, li kien jisimha Ketura.

2U din wilditlu 'l Żimran, 'il Ġoksan, 'il Medan, 'il Midjan, 'il Isbak, u 'l Suwaħ.

3Ġoksan wiled 'il Seba, u 'l Dedan. Ulied Dedan kienu l-Assurin, il-Letusin, u l-Lewmin.

4Ulied Midjan kienu Għefa, Għefer, Hanok, Abida u Eldagħa. Dawn kollha kienu wlied Ketura.

5Abraham ta ġidu kollu lil Iżakk;

6u lil ulied il-konkubini tiegħu tahom xi rigali, u meta kien għadu ħaj bagħathom 'il bogħod minn ibnu Iżakk lejn il-Lvant, fl-art tal-Lvant.

7U dawn huma s-snin ta' ħajjet Abraham; għex mija u ħamsa u sebgħin sena.

8U Abraham ħa l-aħħar nifs u miet, wara xjuħija sewwa, xiħ mimli bil-għomor, u ngħabar ma' niesu.

9U difnuh Iżakk u Ismagħel uliedu fl-għar ta' Makfela, fl-għalqa ta' Għefron bin Soħar il-Hitti, li hemm biswit Mamri,

10l-għalqa li kien xtara Abraham mingħand ulied Het. Hemm kienu midfuna Abraham u Sara martu.

11U wara l-mewt ta' Abraham, Alla bierek lil Iżakk ibnu, u Iżakk mar joqgħod f'Bir-laħaj-roj.

### Nisel Ismagħel


© 2020 Malta Bible Society.

12 U dan hu nisel Ismagħel bin Abraham, li kienet wilditlu Hagar l-Eġizzjana, il-qaddejja ta’ Sara.

13 U dawn huma l-ismijiet ta’ wlied Ismagħel, b’isimhom skont twelidhom: Nebajot, il-kbir; Kedar, Adbel, Mibsam,

14 Misma, Duma, Massa,

15 Hadad, Tema, Ġetur, Nafis u Kedma.

16 Dawn huma wlied Ismagħel u ismijiethom fl-irħula tagħhom u fl-għerejjex tagħhom, tnax-il prinċep tat-tribujiet tagħhom.

17 U dawn huma s-snin ta’ ħajjet Ismagħel: mija u sebgħa u tletin sena. U ħa l-aħħar nifs u miet, u ngħaqad ma’ niesu.

18 U għammru minn Hawila sa Sur, li tinsab biswit l-Eġittu, fit-triq lejn l-Assirja, u kull wieħed minnhom baqa’ jeħodha kontra ħutu.

### Il-familja ta’ Iżakk

19 U dan hu n-nisel ta’ Iżakk bin Abraham. Abraham wiled lil Iżakk.

20 U Iżakk kellu erbgħin sena meta ħa b’martu lil Rebekka, bint Betwel l-Arami minn Fiddien-aram, oħt Laban l-Arami.

21 U Iżakk talab lill-Mulej għal martu għax kienet sterili u l-Mulej sama’ talbu, u Rebekka martu tqalet.

22 U t-trabi kienu jissaraw bejniethom f’ġufha; u hi qalet: “Jekk inhu hekk, x’se jkun minni?” U marret tistħarreġ lill-Mulej.

23 U l-Mulej qalilha: “Hemm żewġ ġnus f’ġufek, u żewġ popli jinfirdu minn ġewwinik; u poplu jegħleb poplu ieħor, u l-kbir jaqdi liż-żgħir.”

24 U ż-żmien għall-ħlas għalqilha, u nstabu żewġ tewmin f’ġufha.

25 U twieled l-ewwel wieħed, ħamrani, u kellu bħal mantar tas-suf fuq ġismu kollu, u semmewh Għesaw.

26 U wara dan twieled ħuh, b’idu mqabbda ma’ għarqub Għesaw, u semmewh Ġakobb. U Iżakk kellu sittin sena meta tweldulu dawn.

### Ġakobb u Għesaw

27 U t-tfal kibru, u Għesaw kien kaċċatur tas-sengħa, raġel tar-raba’ imma Ġakobb kien raġel kwiet, jgħix fl-għerejjex.

28 U Iżakk kien iħobb lil Għesaw, għax il-kaċċa kienet togħġbu, u Rebekka kienet tħobb lil Ġakobb.

29 U Ġakobb kien qiegħed isajjar it-tisjir, u Għesaw daħal għajjien mir-raba’.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

30 U Għesaw qal lil Ġakobb: “Ħallini niekol, jekk jogħġbok, minn dan l-ikel ħamrani għax jien għajjien. (Għalhekk bdew isejħulu Edom).

31 U Ġakobb qallu: “Begħli llum il-primoġenitura tiegħek.”

32 U Għesaw wieġbu: “Arani, jien se mmut. X’nagħmel biha din il-primoġenitura?”

33 U Ġakobb qallu: “Aħlifli issa.” U ħalifli, u b’hekk biegħ il-primoġenitura lil Ġakobb.

34 U Ġakobb ta lil Għesaw ħobż u għads, u dan kiel u xorob, qam u telaq. Il-primoġenitura Għesaw ma stmaha xejn.

## Ġenesi 26

### Iżakk f’Gerar

1 U ġara li waqa’ l-ġuħ fuq il-pajjiż - barra dak li kien hemm qabel fi żmien Abraham. U Iżakk mar għand Abimelek, sultan tal-Filistin f’Gerar.

2 U deherlu l-Mulej u qallu: “La tinżilx l-Eġittu; oqgħod fl-art li se ngħidlek.

3 Oqgħod frustier f’din l-art, u jien inkun miegħek u nbierkek. Għax lilek u lil nislek nagħti dawn l-artijiet kollha, u jien intemm il-ħalfa li ħlift lil Abraham missierek.

4 U jien inkattar lil nislek bħall-kwiekeb tas-sema u lil nislek nagħtih dawn l-artijiet kollha. U jitbierku f’nislek il-ġnus kollha tal-art,

5 għax Abraham sama’ minn kliemi u l-ordnijiet, it-twissijiet, il-kmandamenti u l-liġijiet tiegħi.”

6 U Iżakk baqa’ jgħammar f’Gerar.

7 U meta n-nies tal-post kienu jistaqsuh dwar martu, kien jgħidilhom: “Din oħti,” għax kien jibża’ jgħidilhom: “Marti,” li ma kinux joqtluh in-nies tal-post minħabba Rebekka, billi kienet sabiħa fil-għajn.

8 Ġara imma li kien ilu hemm żmien twil, u Abimelek, sultan tal-Filistin, ħareġ fit-tieqa, u ra lil Iżakk iżiegħel b’martu Rebekka.

9 U Abimelek sejjaħ lil Iżakk u qallu: “Mela dik martek! Kif għedtilna: ‘Din oħti?’ ” U Iżakk wieġbu: “Għax għedt: ‘Inkella mmut minħabba fiha’.”

10 U Abimelek qallu: “Dan x’għamiltilna? Bħallikieku xejn xi ħadd min-nies sata’ raqad ma’ martek, u kont iġġib il-ħtija fuqna.”

11 U Abimelek wissa l-poplu kollu u qalilhom: “Min imiss lil dan ir-raġel jew lil martu jagħtuh il-mewt.”

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

12U Iżakk żara' f'dik l-art, u dik is-sena ġabar mitt darba iżjed, għax il-Mulej bierku.

13U dan il-bniedem kiber, u baqa' jikber, sakemm kiber sewwa.

14U kellu mrieħel tan-nagħaġ u mrieħel tal-baqar u ħafna qaddejja. Għalhekk il-Filistin bdew jgħiru għalih.

15(U l-bjar kollha li kienu ħaffru l-qaddejja ta' missieru, fi żmien Abraham, missieru, għalquhom il-Filistin u mlewhom bit-trab).

16U Abimelek qal lil Iżakk: "Itlaq minn magħna, għax int tqawwejt wisq iżjed minna."

### Iżakk jitlewwem ma' Abimelek

17U Iżakk telaq minn hemm u waqqaf l-għarix f'Wied Gerar u baqa' jgħammar hemm.

18(U Iżakk raġa' ħammel il-bjar tal-ilma li kienu ħaffru fi żmien Abraham, missieru, u li kienu għalquhom il-Filistin wara li kien miet Abraham, u semmiehom bl-ismijiet li kien semmiehom bihom missieru).

19U l-qaddejja ta' Iżakk ħaffru, u sabu hemm bir bl-ilma ġieri.

20U r-rgħajja ta' Gerar tlewmu mar-rgħajja ta' Iżakk, u qalulhom: "Dan l-ilma tagħna." U hu semma l-bir, Esek, tlewwim, għax hemm tlewmu miegħu.

21U reġgħu ħaffru bir ieħor, u tlewmu fuqu wkoll; u semmieh Xitna, mibegħda.

22Għalhekk telaq minn hemm, u ħaffer bir ieħor u ma ġġildux għalih, u semmieh Reħobot, wisa', għax qal: "Issa l-Mulej wessgħalna, u issa noktru fl-art."

23U minn hemm tala' Birsaba.

24U deherlu l-Mulej billejl stess u qallu: "Jiena Alla ta' Abraham, missierek. La tibżax, għax jiena miegħek, u jiena nbierkek, u nkattar nislek minħabba Abraham, missierek, il-qaddej tiegħi."

25U hemm bena artal u sejjaħ isem il-Mulej, u hemm waqqaf l-għarix tiegħu. U l-qaddejja ta' Iżakk ħaffru bir hemmhekk.

26Imbagħad Abimelek mar għandu minn Gerar u miegħu kellu lil Aħużżat, ħabibu, u Fikol, il-kmandant tal-eżerċtu tiegħu.

27U Iżakk qalilhom: "Għalfejn ġejtu għandi? Intom bgħadtuni, u keċċejtuni 'l bogħod minnkom."

28U huma qalulu: "Aħna rajna sewwa li l-Mulej miegħek, u għedna: "Ha naħilfu lil xulxin, aħna u int, u nagħmlu patt miegħek


© 2020 Malta Bible Society.

29 li ma tagħmlilna ebda deni, bħalma aħna qatt ma missejniek u bħalma aħna dejjem għamilnielek il-ġid, u bgħatniek bis-sliem. Għax int issa mbierek mill-Mulej."

30 U hu għamlilhom ikla, u kielu u xorbu.

31 U qamu kmieni filgħodu u ħalfu lil xulxin, u Iżakk qabbadhom it-triq u huma telqu minn ħdejh bis-sliem.

32 Dak in-nhar stess ġew il-qaddejja ta' Iżakk, u ħabbrulu fuq il-bir li kienu qegħdin iħaffru u qalulu: "Sibna l-ilma."

33 U semma l-bir Siba; għalhekk il-belt għadu jisimha Birsaba sal-lum.

### Iż-żwieġ ta' Għesaw

34 Meta Għesaw kellu erbgħin sena, ħa b'martu lil Ġuditta bint Beri l-Ħitti, u lil Baxemat bint Elon il-Ħitti.

35 U dawn kienu ta' mrar għal qalb Iżakk u Rebekka.

## Ġenesi 27

### Il-barka

1 Meta Iżakk kien xjieħ u għajnejh kienu ċċajprulu tant li ma kienx baqa' jara, sejjaħ lil ibnu l-kbir Għesaw u qallu: "Ibni." U dan wieġbu: "Hawn jien."

2 U qallu: "Hawn jien, xjeħt, u ma nafx meta se mmut.

3 Issa aqbad it-tagħmir tiegħek, il-ħorġa u l-qaws tiegħek, u mur fir-raba' u aqbadli l-kaċċa;

4 u mbagħad agħmilli ikla tajba kif inħobb jien, u ġibhieli ħalli nikolha u nbierkek qabel ma mmut."

5 Rebekka kienet qiegħda tissamma' meta Iżakk kien qiegħed ikellem lil Għesaw, ibnu. U Għesaw telaq lejn ir-raba' għall-kaċċa, u jġib xi ħaġa d-dar.

6 Imma Rebekka kellmet lil Ġakobb binha u qaltlu: "Ara, jien smajt lil missierek ikellem lil Għesaw ħuk u jgħidlu:

7 'Ġibli l-kaċċa u agħmilli ikla tajba ħa nikolha, u mbagħad inbierkek quddiem il-Mulej qabel ma mmut.'

8 Issa ibni, isma' minn kliemi f'dan li se nordnalek.

9 Mur il-merħla u ġibli żewġ gidjien sbieħ minn hemm u mbagħad jien insajjarhom tajjeb kif iħobb missierek.

10 U int teħodhom lil missierek, u hu jiekol; u mbagħad ibierkek qabel ma jmut."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

11U Ġakobb qal lil Rebekka ommu: "Ara, Għesaw ħija hu raġel muswaf, u jien raġel b'ġilda mielsa.

12Jekk missieri jmissni u jien nidher li nkun qarraqt bih, niġbed fuqi saħta flok barka."

13U ommu qaltlu: "Is-saħta tiegħek fuqi, ibni. Isma' kliemi u mur ġibhomli."

14U Ġakobb mar jaqbad il-gidjien u ġiebhom lil ommu; u din sajret ikla kif kien iħobb missieru.

15U Rebekka ħadet l-aħjar ilbies ta' Għesaw binha l-kbir, li kienu għandha d-dar, u libbsithom lil Ġakobb, binha ż-żgħir.

16U ksietlu idejh u l-artab ta' għonqu bil-ġlud tal-gidjien.

17U hi tat f'idejn Ġakobb, binha, l-ikel tajjeb u l-ħobż.

18U hu mar ħdejn missieru u qallu: "Missier." U dan wieġbu: "Hawn jien. Min inti, ibni?"

19U Ġakobb wieġeb lil missieru: "Jiena Għesaw, il-kbir tiegħek. Għamilt kif għedtli. Qum, isa, u kul mill-kaċċa tiegħi, biex imbagħad int tberikni."

20U Iżakk qal lil ibnu: "Kif inhi din li sibtha hekk malajr?" U hu wieġbu: "Għax il-Mulej ġibhieli quddiemi."

21U Iżakk qal lil Ġakobb. "Ersaq 'l hawn, ħa mmissek, ibni, u nara jekk intix ibni Għesaw jew le."

22U Ġakobb resaq lejn missieru Iżakk u dan messu u qal: "Il-leħen, leħen Ġakobb, imma l-idejn, idejn Għesaw."

23U ma għarfux, għax idejh kienu qishom l-idejn muswafa ta' ħuh Għesaw; u bierku.

24U staqsieh: "Inti tassew ibni Għesaw" U hu wieġbu: "Jien hu."

25U qallu: "Newwilli, mela, ħalli niekol mill-kaċċa ta' ibni, biex inbierkek." U newwillu l-ikel, u kiel, u ġieblu l-inbid, u xorob.

26U Iżakk missieru qallu: "Ersaq 'l hawn u busni, ibni."

27U hu resaq u biesu. Iżakk xammem ir-riħa ta' lbiesu, u bierku u qallu: "Ara, riħet ibni, bħar-riħa ta' għalqa, imbierka mill-Mulej!

28Jagħtik Alla min-nida tas-smewwiet, u mill-frott tal-art, kotra ta' qamħ u nbid.

29Lilek għad jaqdu l-ġnus, u quddiemek imilu l-popli. Int tkun l-aqwa fost ħutek, u quddiemek imilu wlied ommok. Misħut minn jisħtek, imbierek min ibierkek."


© 2020 Malta Bible Society.

30Malli Iżakk temm ibierek lil Ġakobb, u Ġakobb kien għadu bilkemm ħareġ minn
quddiem Iżakk missieru, wasal Għesaw lura mill-kaċċa.

31U lesta hu wkoll ikel tajjeb, u ġiebu lil missieru u qallu: "Ha jqum missieri, u
jiekol mill-kaċċa ta' ibnu, biex imbagħad tberikni."

32U Iżakk, missieru, qallu: "Min int?" U dak wieġbu: "Jien hu ibnek il-kbir
Għesaw."

33U Iżakk qabditu rogħda kbira sewwa, u qallu: "Min kien mela, dak li mar u
qabad il-kaċċa, u ġibhieli, u jiena kilt minn kollox qabel ġejt int, u beriktu, u issa
jibqa' mbierek?"

34Malli Għesaw sama' kliem missieru Iżakk, għajjat għajta kbira kollha mrar, u
qal lil missieru: "Missier, bierek lili wkoll."

35U dan qallu: "Ġie ħuk bil-qerq u ħa l-barka tiegħek."

36U dak qallu: "Għalhekk mela jismu Ġakobb? Darbtejn qalagħni 'l barra: l-ewwel
ħadli l-primoġenitura, u issa ħadli l-barka tiegħi." U kompla jgħidlu: "U lili ma
rfajtlix barka?"

37U Iżakk wieġeb u qal lil Għesaw: "Ara jien qegħedtu sidek u qegħedtlu 'l ħutu
kollha qaddejja tiegħu, u għanejtu b'qamħ u nbid. U lilek issa x'nista' nagħmillek
ibni?"

38U Għesaw qal lil missieru: "Mela barka waħda biss għandek, missier? Bierek
lili wkoll, missier." U Għesaw għolla karba u nfexx jibki.

39U Iżakk missieru wieġbu u qallu: "Ara, bla frott tal-art tkun għamartek, u 'l
bogħod min-nida mill-għoli.

40Int tgħix fuq sejfek, u 'l ħuk għad taqdi. U meta tiġi biex tarfa' rasek, int tkisser
il-madmad tiegħu minn fuq għonqok u tfarfru minn fuqek."

41U Għesaw beda jobgħod lil Ġakobb minħabba l-barka, li biha bierku missieru.
U qal f'qalbu Għesaw: "Jaslu jiem il-vistu ta' missieri, imbagħad noqtol 'il Ġakobb,
ħija."

42U 'l Rebekka ħabbrulha kliem Għesaw, binha l-kbir. U bagħtet issejjaħ lil
Ġakobb, binha ż-żgħir, u qaltlu: "Ara, Għesaw ħuk, għandu f'rasu li jitħallas
minnek u joqtlok.

43Imma isma' minn kliemi. Qum u aħrab għand ħija Laban f'Haran.

44U ibqa' miegħu għal ftit taż-żmien sakemm tgħaddi s-saħna ta' ħuk,

45u jitbiegħed minnek l-għadab ta' ħuk, u jinsa x'għamiltlu int. Imbagħad nibgħat
għalik minn hemm. Għaliex għandi nitlifkom it-tnejn f'jum wieħed?"

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

46U Rebekka qalet lil Iżakk: "Iddejjaqt minn ħajti minħabba l-bniet ta' Het. Jekk Ġakobb jiżżewweġ xi waħda mill-bniet ta' Het bħal dawn, xi mara minn din l-art, xi tkun tiswieli ħajti?"

## Ġenesi 28

1U Iżakk sejjaħ lil Ġakobb u bierku, ordnalu u qallu: "La tiħux mara mill-bniet ta' Kangħan.

2Qum u mur Fiddien-aram fid-dar ta' Betwel, missier ommok, u ħu mara minn hemm, minn fost il-bniet ta' Laban, ħu ommok.

3U El-Xaddaj ibierkek, ikattrek u jkabbrek, u ssir ġemgħa ta' ġnus.

4U jagħtik il-barka ta' Abraham, lilek u lil nislek miegħek, biex tiret l-art fejn int frustier, li Alla ta lil Abraham."

5U Iżakk bagħat lil Ġakobb, u dan telaq lejn Fiddien-aram għand Laban bin Betwel l-Arami, ħu Rebekka, omm Ġakobb u Għesaw.

6U Għesaw ra li Iżakk bierek lil Ġakobb, u li bagħtu f'Fiddien-aram biex jieħu mara minn hemm, u meta kien ibierku ordnalu u qallu: "La tiħux mara minn fost il-bniet ta' Kangħan."

7U Ġakobb sama' minn missieru u ommu, u mar Fiddien-aram.

8U ra wkoll Għesaw li l-bniet ta' Kangħan kienu jidhru koroh f'għajnejn Iżakk missieru.

9Għalhekk Għesaw mar għand Ismagħel, u, barra n-nisa li diġà kellu, ħa b'martu lil Maħalat, bint Ismagħel bin Abraham, oħt Nebajot.

### Il-ħolma ta' Ġakobb

10U Ġakobb ħareġ minn Birsaba u telaq lejn Ħaran.

11U wasal f'post sagru, u waqaf biex jgħaddi l-lejl, għax ix-xemx kienet niżlet, u ħa waħda mill-ħaġar li kien hemm u għamilha mħadda għal rasu, u raqad f'dak il-post sagru.

12U ħolom, u ra sellum wieqaf fl-art bil-quċċata tiegħu fis-sema; u beda jara l-anġli telgħin u niżlin miegħu.

13U lemaħ il-Mulej wieqaf ħdejh, u dan qallu: "Jien il-Mulej, Alla ta' Abraham, missierek, u Alla ta' Iżakk. L-art li int rieqed fuqha lilek nagħtiha u lil nislek.

14U jkun nislek bħat-trab tal-art, u int għad tinfirex lejn il-Punent u lejn il-Lvant, lejn it-Tramuntana u lejn in-Nofsinhar u jitbierku bik u bin-nisel tiegħek it-tribujiet kollha tal-art.


© 2020 Malta Bible Society.

15Arani, jien miegħek u nħarsek kull fejn tmur, u nerġa' nġibek f'din l-art, għax
jien ma nitilqekx qabel ma ntemm kulma għedtlek."

16Imbagħad stenbaħ Ġakobb mir-raqda tiegħu u qal: "Tassew hawn Alla f'dan il-
post, u jien ma ntbaħtx."

17U beża' u qal: "Kemm hu tal-biża' dan il-post sagru. Dan mhux ħlief dar Alla, u
dan bieb is-smewwiet!"

18U Ġakobb qam kmieni filgħodu, u ħa l-ħaġra li kien qiegħed taħt rasu, u
waqqafha bħala plier, u sawwab iż-żejt fuq rasha.

19U semma dak il-post Betel, dar Alla, waqt li qabel il-belt kien jisimha Luż.

20U Ġakobb għamel wegħda u qal: "Jekk Alla jkun miegħi, u jħarisni fit-triq li jien
qbadt, u jipprovdili ħobż x'niekol u lbies x'nilbes,

21u nerġa' lura bis-sliema lejn dar missieri, Alla tiegħi jkun il-Mulej.

22U din il-ħaġra, li jien waqqaft bħala plier, tkun Dar Alla, u minn kulma tagħtini,
nagħtik l-għexur."

## Ġenesi 29

1Imbagħad Ġakobb iċċaqlaq, u telaq lejn art in-nies tal-Lvant.

2U ħares, u lemaħ bir f'għalqa, u kien hemm tliet imrieħel nagħaġ mimduda
ħdejh; għax minn dak il-bir kienu jisqu l-imrieħel; imma l-blata fuq il-ħerża tal-
bir kienet kbira wisq.

3U kienu jinġabru hemm l-imrieħel kollha, u mbagħad jaqilbu l-blata minn fuq
ix-xifer tal-bir, u jisqu l-imrieħel, u jerġgħu jqiegħdu l-blata f'postha fuq xifer il-
bir.

4U Ġakobb qalilhom: "L-aħwa tiegħi, minn fejn intom?" U huma weġbuh: "Minn
Ħaran aħna!"

5U staqsiehom: "Tafu intom lil Laban bin Naħor?" U huma weġbuh: "Nafuh."

6U qalilhom: "Jinsab tajjeb?" U qalulu: "Tajjeb. Ara, bintu Rakel ġejja bil-merħla!"

7U qalilhom: "Araw il-jum għadu fl-aqwa tiegħu, mhux ħin li jinġabru l-imrieħel.
Isqu n-nagħaġ, u morru irgħuhom."

8U huma qalulu: "Ma nistgħux qabel ma jinġabru l-imrieħel kollha, u jaqilbu l-
blata minn fuq il-ħerża tal-bir, u mbagħad nisqu l-imrieħel."

9Kien għadu jitkellem magħhom, meta Rakel waslet bin-nagħaġ ta' missierha,
għax kienet ragħajja.


© 2020 Malta Bible Society.

10U malli Ġakobb ra lil Rakel bint Laban, ħu ommu, u l-imrieħel ta' Laban, ħu ommu, Ġakobb resaq u qaleb il-blata minn fuq il-ħerża tal-bir, u seqa l-merħla ta' Laban, ħu ommu.

11U Ġakobb bies lil Rakel, u għolla leħnu u beka.

12U Ġakobb għarraf lil Rakel li hu kien ħu missierha u bin Rebekka. U hi telqet tiġri tagħti l-aħbar lil missierha.

13U ġara li malli Laban sama' bl-aħbar ta' Ġakobb bin oħtu, mar jiġri jilqgħu, għannqu u biesu, u ħadu d-dar tiegħu. U Ġakobb beda jgħid lil Laban dawn il-ħwejjeġ kollha.

14U Laban qallu: "Tassew int għadmi u laħmi."

### Iż-żwieġ ta' Ġakobb

15Kien ilu xahar joqgħod miegħu, meta Laban qal lil Ġakobb: "Għax int ħija, se taħdimli b'xejn? Għidli x'għandu jkun ħlasek."

16U Laban kellu żewġt ibniet: il-kbira kien jisimha Lija, u ż-żgħira Rakel.

17Għajnejn Lija kienu mitfija, imma Rakel kien fiha mara sabiħa f'suritha u ħelwa fl-għajn.

18U Ġakobb ħabb lil Rakel u qal lil Laban: "Naħdimlek għal seba' snin għal Rakel, bintek iż-żgħira."

19U Laban wieġbu: "Aħjar nagħtiha lilek milli lil ħaddieħor. Mela oqgħod miegħi."

20U Ġakobb baqa' għal seba' snin jaħdem għal Rakel; u kienu qishom għalih ftit jiem, daqs kemm kien iħobbha.

21U Ġakobb qal lil Laban: "Agħtini lil marti, għax għalaq iż-żmien, ħa nersaq lejha."

22U Laban ġabar in-nies kollha tal-post u għamel ikla.

23Filgħaxija, imbagħad, qabad lil bintu Lija, u ħadha għand Ġakobb, u dan resaq lejha.

24U Laban ta l-qaddejja tiegħu Żilfa lil bintu Lija bħala qaddejja tagħha.

25Filgħodu, imbagħad, Ġakobb ra li kienet Lija u qal lil Laban: "X'inhu dan li għamiltli? Għal Rakel qgħadt naħdem miegħek. Għala qarraqt bija?"

26U Laban wieġbu: "Għax f'dawn l-inħawi ma jagħmlux hekk, li jagħtu ż-żgħira qabel il-kbira.

27Temm il-ġimgħa ma' din, u nagħtik lil dik ukoll, bi ħlas tax-xogħol li tagħmilli għal seba' snin oħra."


© 2020 Malta Bible Society.

28U Ġakobb għamel hekk: temm il-ġimgħa ma' dik, u l-ieħor tah lil bintu Rakel b'martu.

29U Laban ta 'l Bilħa, il-qaddejja tiegħu, lil bintu Rakel, b'qaddejja tagħha.

30U Ġakobb resaq ukoll lejn Rakel; u kien iħobb lil Rakel aktar minn Lija. U baqa' jaħdem miegħu għal seba' snin oħra.

31U l-Mulej ra li Ġakobb lil Lija ma kienx iġibha, għalhekk fetħilha ġufha; iżda Rakel baqgħet bla tfal.

32U Lija tqalet u wildet iben u semmietu Ruben, għax qalet: "Għax ra l-Mulej hemmi, u issa żewġi jibda jħobbni."

33U reġgħet tqalet, u wildet iben u qalet: "Sama' l-Mulej li miniex miġjuba, u tani 'l dan ukoll." U semmietu Simgħon.

34U reġgħet tqalet, u wildet iben u qalet: "Din id-darba jinġibed żewġi lejja, għax wilidtlu tlitt itfal." Għalhekk semmietu Levi.

35U reġgħet tqalet u wildet iben u qalet: "Issa din id-darba nfaħħar lill-Mulej." Għalhekk semmietu Ġuda. U ma wilditx iżjed.

## Ġenesi 30

### Ulied Żilfa u Bilħa

1U Rakel rat li ma wilditx tfal lil Ġakobb, u bdiet tgħir għal oħtha. U qalet lil Ġakobb: "Agħtini t-tfal, għax se mmut."

2U xegħel Ġakobb bl-għadab għal Rakel u qalilha: "Jaqaw jien flok Alla, li ċaħħdek minn frott il-ġuf?"

3U hi wieġbet: "Ara, hemm il-qaddejja tiegħi Bilħa, ersaq lejha, biex tiled fuq ħoġri, u jkolli t-tfal minnha jien ukoll."

4U tatu lill-qaddejja tagħha Bilħa b'martu, u Ġakobb resaq lejha.

5U Bilħa tqalet u wildet tifel lil Ġakobb.

6U Rakel qalet: "Alla għamel ħaqq miegħi u sama' leħni, u tani iben." Għalhekk semmietu Dan.

7U Bilħa, il-qaddejja ta' Rakel, reġgħet tqalet u wildet għat-tieni darba tifel lil Ġakobb.

8U Rakel qalet: "Ġlieda kbira ġġelidt ma' oħti, u rbaħt." U għalhekk semmietu Naftali.

9U Lija rat li waqfet mit-twelid u qabdet lil Żilfa, il-qaddejja tagħha, u tatha lil Ġakobb b'martu.


© 2020 Malta Bible Society.

10U Żilfa, il-qaddejja ta' Lija, wildet tifel lil Ġakobb.

11U Lija qalet: "B'xortija." U semmietu Gad.

12U Żilfa, il-qaddejja ta' Lija, wildet għat-tieni darba lil Ġakobb.

13U Lija qalet: "Ferħana issa! Għax in-nisa jifirħuli." U semmietu Aser.

14U Ruben, fi żmien il-ħsad tal-qamħ, mar fir-raba' u sab xi mandragoli, u
ħadhom lil ommu Lija. U Rakel qalet lil Lija: "Agħtini mill-mandragoli ta' ibnek."

15U hi qaltilha: "Mhux biżżejjed li ħadtli 'l żewġi, trid issa teħodli wkoll il-
mandragoli ta' ibni?" U Rakel wieġbet: "Mela llejla jista' jorqod miegħek bi ħlas
għall-mandragoli tiegħek."

16U Ġakobb, hu u ġej lura mir-raba', marret tilqgħu Lija u qaltlu: "Ersaq lejja,
għax xtrajtek bil-mandragoli ta' ibni." U dak il-lejl raqad magħha.

17U Alla sama' lil Lija, u hi tqalet u wildet għall-ħames darba tifel lil Ġakobb.

18U Lija qalet: "Alla ħallasni talli tajt il-qaddejja tiegħi lil żewġi." U semmietu
Issakar.

19U Lija reġgħet tqalet u wildet tifel għas-sitt darba lil Ġakobb.

20U Lija qalet: "Alla tani dota tajba, issa żewġi jibqa' miegħi għax wellidtlu sitt
subien." U semmietu Żebulun.

21Imbagħad wildet tifla, u semmietha Dina.

22U Alla ftakar f'Rakel u semagħha u fetħilha ġufha.

23U tqalet u wildet tifel, u qalet: "Neħħieli għajbi minn fuqi Alla!"

24U semmietu Ġużeppi, għax qalet: "Jalla l-Mulej iżidli tifel ieħor."

### Ġakobb jilgħab lil Laban

25Meta Rakel wildet lil Ġużeppi, Ġakobb qal lil Laban: "Ħallini mmur lejn pajjiżi
u lejn arti.

26Agħtini n-nisa tiegħi u lil uliedi, għax jien ħdimtlek għalihom, u nitlaq. Għax int
taf bix-xogħol li ħdimtlek."

27U Laban qallu: "Jekk jien sibt għajn tajba fik, bit-teħbir indunajt li l-Mulej
berikni minħabba fik."

28U ssokta jgħidlu: "Għidli x'inhu ħlasek, u nagħtihulek."

29U Ġakobb qallu: "Inti taf kemm ħdimtlek u kif saret il-merħla tiegħek miegħi.

30Il-ftit li kellek qabel ġejt jien, issa kotor bil-bosta u l-Mulej bierkek mindu ġejt
jien. Meta se nibda naħdem jien għal dari wkoll?"


© 2020 Malta Bible Society.

31U Laban qallu: "Xi tridni nagħtik?" U Ġakobb wieġeb: "Tagħtini xejn. Jekk inti
tagħmilli li se ngħidlek, jien nerġa' nirgħa l-merħla tiegħek u nħarisha.

32Jien ngħaddi llum qalb il-merħla tiegħek kollha, u int warrab minnha kull
nagħġa mnaqqxa u mtabbgħa, u kull nagħġa sewda minn fost il-ħrief u kulma hu
mtabba' u mnaqqax minn fost il-mogħoż; u dan ikun ħlasi.

33U għada pitgħada meta tiġi biex tħallasni, jixhed għalija s-sewwa tiegħi. Kulma
jkun għandi li ma jkunx imnaqqax u mtabba' fost il-mogħoż u iswed fost il-ħrief,
ikun qisu misruq."

34U Laban wieġeb: "Tajjeb! Ikun kif għedt int."

35U dak in-nhar Laban warrab fil-ġenb il-bdabad imżewqa u mtabbgħa u kull
mogħża mnaqqxa u mtabbgħa - kulma kien fih l-abjad - u kulma kien iswed fost
il-ħrief. U telaqhom f'idejn uliedu.

36U mbagħad tbiegħed minnu tlitt ijiem mixi. U Ġakobb baqa' jirgħa l-merħla l-
bajda li kien baqa'.

37U Ġakobb ħa friegħi tal-luq, tal-lewż u tad-dolf u għamel fihom strixxi bojod
billi qaxxarhom u kixef l-abjad tal-friegħi.

38Imbagħad qiegħed il-friegħi li kien qaxxar fil-ħwat u l-misqjiet tal-ilma għal
quddiem l-imrieħel li kienu jiġu jixorbu hemm; u l-imrieħel kienu jisħnu huma
u jixorbu.

39U saħnu l-imrieħel quddiem il-friegħi u wildu friegħ imżewqa, mnaqqxa u
mtabbgħa.

40U l-ħrief Ġakobb firidhom għalihom u dawwar wiċċ in-nagħaġ lejn kulma kien
imżewwaq u iswed fil-merħla ta' Laban. U hekk rawwem imrieħel għalih waħdu,
u ma ħallathomx mal-merħla ta' Laban.

41U ġara li kull meta kienu jisħnu n-nagħaġ b'saħħithom, Ġakobb kien iqiegħed
il-friegħi fil-ħwat quddiem għajnejhom biex jisħnu huma u jħarsu lejn il-friegħi.

42Imma quddiem in-nagħaġ dgħajfa ma kienx iqegħedhom. U hekk id-dgħajfa
kienu jkunu ta' Laban u dawk b'saħħithom ta' Ġakobb.

43U r-raġel far b'ġid kbir ħafna u kellu mrieħel kbar, qaddejja rġiel u nisa, iġmla
u ħmir.

## Ġenesi 31

### Ġakobb jaħseb biex jaħrab

1U Ġakobb sama' x'kienu qegħdin jgħidu wlied Laban: "Ġakobb ħadilna kulma
għandu missierna,

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

2għax dan il-ġid kollu għamlu minn ħwejjeġ missierna." U Ġakobb beda jara li wiċċ Laban ma kienx għadu miegħu bħal qabel.

3U l-Mulej qal lil Ġakobb: "Erġa' lura lejn art missirijietek u art twelidek, u jien inkun miegħek."

4U Ġakobb bagħat isejjaħ lil Rakel u lil Lija mill-għalqa ħdejn il-merħla tiegħu.

5U qalilhom: "Jien qiegħed nara li wiċċ missierkom ma għadux miegħi bħal qabel. Imma Alla ta' missieri kien dejjem miegħi.

6U intom tafu li jien ħdimt għal missierkom b'ħilti kollha;

7imma missierkom qarraq bija u biddilli ħlasi għaxar darbiet, iżda Alla ma ħalliehx jagħmilli d-deni.

8Jekk kien jgħidli: 'L-imnaqqxa jkunu ħlasek,' l-imrieħel kienu jildu mnaqqxa u jekk jgħidli: 'L-imżewqa jkunu ħlasek,' l-imrieħel kollha kienu jildu mżewqa.

9U Alla kien jieħu mill-merħla ta' missierkom, u jagħtihom lili.

10U ġara li fi żmien is-saħna tal-imrieħel, jien erfajt għajnejja fil-ħolm u rajt l-imtaten jitilgħu fuq in-nagħaġ li kienu mżewqa, imnaqqxa u mtektka.

11U l-anġlu ta' Alla sejjaħli fil-ħolm: 'Ġakobb!' U jien weġibt: 'Hawn jien.'

12U qalli: 'Erfa' għajnejk u ara l-imtaten kollha li telgħin fuq in-nagħaġ huma mżewqa, imnaqqxa u mtektka, għax jien rajt kulma għamillek Laban.

13Jiena Alla ta' Betel, fejn int dlikt plier u għamiltli wegħda. Qum issa, oħroġ minn din l-art u erġa' lura lejn art twelidek.' "

14U Rakel u Lija weġbuh u qalulu: "Baqgħalna xi sehem jew wirt f'dar missierna?

15Ma aħniex qisna barranin għalih? Ma begħniex u kiel ukoll flusna?

16Il-ġid li Alla ħa mingħand missierna tagħna hu u ta' wliedna. Mela issa kulma ordnalek Alla, agħmlu."

17U Ġakobb qam u rikkeb lil uliedu u lin-nisa tiegħu fuq l-iġmla.

18U saq l-imrieħel kollha, u l-ġid kollu li kien kiseb - il-bhejjem kollha li kien rawwem f'Fiddien-aram - biex imur għand Iżakk missieru fl-art ta' Kangħan.

19Laban kien mar iġiżż in-nagħaġ meta Rakel serqet it-terafim, l-idoli ta' missierha.

20U Ġakobb ħeba u qarraq b'Laban l-Arami, għax ma qallux li kien se jaħrab.

21U ħarab b'kulma kellu, u qam u qasam ix-xmara u dawwar wiċċu lejn il-muntanji ta' Gilgħad.

22Fit-tielet jum Laban waslitlu l-aħbar li Ġakobb kien ħarab.


© 2020 Malta Bible Society.

23 U hu ħa 'l qrabatu miegħu u għamel għal warajh għal sebat ijiem mixi u laħqu
fuq l-għoljiet ta' Gilgħad.

24 U Alla ġie għand Laban l-Arami fil-ħolm billejl u qallu: "Qis li ma tkellimx lil
Ġakobb, la tajjeb u la ħażin."

25 U Laban laħaq lil Ġakobb. Dan kien waqqaf il-kamp tiegħu fuq l-għoljiet, u
Laban bi qrabatu miegħu waqqaf il-kamp tiegħu fuq l-għoljiet ta' Gilgħad.

26 U Laban qal lil Ġakobb: "X'għamilt biex ħbejtli u qarraqt bija, u ħadtli l-bniet
tiegħi qishom priġunieri tal-gwerra?

27 Għala ħrabt bil-moħbi, u qarraqt bija, u ma għedtlix biex jien kont inqabbdek
it-triq bil-ferħ u l-għana, bid-daqq tat-tnabar u taċ-ċetra.

28 Lanqas ħallejtni biss inbus is-subien u l-bniet tiegħi. Imxejt tassew ta' iblah!

29 Jien nista' nagħmlilkom il-ħsara, imma Alla ta' missierkom kellimni dan il-lejl
u qalli: 'Qis li ma tgħid xejn lil Ġakobb, la tajjeb u la ħażin.'

30 U issa saħħa li tlaqt, la darba int daqshekk miġbud lejn dar missierek, għala
sraqtli l-allat tiegħi?"

31 U Ġakobb wieġeb lil Laban: "Għax bżajt u għedt li ma tmurx teħodli bilfors il-
bniet tiegħek.

32 Għand min issib l-allat tiegħek ma jibqax ħaj. Hawn quddiem qrabatna, fittex
x'għandi tiegħek u ħudu." Ġakobb ma kienx jaf li Rakel kienet serqithom.

33 U Laban daħal fl-għarix ta' Ġakobb, fl-għarix ta' Lija u fl-għerejjex taż-żewġ
qaddejja, u ma sab xejn; u ħareġ mill-għarix ta' Lija, u daħal fl-għarix ta' Rakel.

34 U Rakel qabdet it-terafim u ħbiethom fis-sarġ tal-ġemel, u qagħdet bilqiegħda
fuqhom; u Laban teftef mal-għarix kollu, u ma sab xejn.

35 U hi qalet lil missierha: "Ma jeħodhiex bi kbira sidi, li ma nistax inqum
quddiemek, għax bħalissa għandi l-imxija tan-nisa." U hu fittex, u t-terafim ma
sabhomx.

36 U xegħel Ġakobb bil-għadab, u ħadha ma' Laban; wieġbu u qal lil Laban: "Fiex
inqastek? X'inhu dnubi, biex ġejt sħun sħun għal warajja?

37 Teftift ħwejġi kollha, u x'sibt minn ħwejjeġ darek? Qegħedhom hawn quddiem
ħuti u ħutek, ħa jagħmlu ħaqq bejnietna t-tnejn.

38 F'dawn l-għoxrin sena li ili miegħek in-nagħaġ u l-mogħoż tiegħek qatt ma
korrew fi ħlashom, u jien mill-imtaten tiegħek qatt ma kiltlek.

39 Bhima żbranata qatt ma ġibtlek lura; jien kont nagħmel tajjeb għaliha, lili kont
tfittex għal kulma kien jinsteraq billejl jew binhar.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

40Binhar kienet tkiddni s-sħana, u billejl il-ksieħ, u n-ngħas kien itir minn għajnejja.

41Għoxrin sena ili f'darek; għal erbatax-il sena ħdimtlek għaż-żewġ bnietek, u sitt snin għall-imrieħel tiegħek, u għaxar darbiet biddiltli ħlasi.

42Li ma kienx miegħi Alla ta' missieri, Alla ta' Abraham, u Alla, il-Biża' ta' Iżakk, kieku issa kont tibgħatni b'idi f'idi. Alla ra hemmi u xogħol idejja, u l-lejl li għadda ta s-sentenza."

43U Laban wieġeb lil Ġakobb u qallu: "Dawn il-bniet huma bnieti; u dawn is-subien huma wliedi, l-imrieħel huma mrieħel tiegħi, u kulma inti qiegħed tara hu tiegħi. X'nista' nagħmel illum għal dawn il-bniet u l-ulied li huma wildu?

44Issa, ejja nagħmlu patt bejni u bejnek, u jkun xhud bejni u bejnek."

45U Ġakobb qabad blata, u waqqafha bħala plier.

46U Ġakobb qal lil niesu: "Iġbru l-ħaġar." U ġabru l-ħaġar u għamluh borġ; u għamlu ikla ħdejn il-borġ.

47Laban sejjaħlu: Ġegar-xaħduta, imma Ġakobb sejjaħlu Galgħed.

48U Laban qal: "Dan il-borġ ikun xhud bejni u bejnek illum," u għalhekk sejjaħlu: Galgħed;

49u l-plier sejjaħlu Misfa, għassa, għax qal ukoll: "Ħa jgħasses il-Mulej bejni u bejnek, meta nitwarrbu minn xulxin.

50Jekk inti tgħakkes lil bnieti, jew tieħu nisa oħra barra wliedi, għalkemm ma hawn ħadd magħna jarana, Alla xhud bejni u bejnek."

51U żied jgħid Laban lil Ġakobb: "Ara dan il-borġ u ara dan il-plier li jien waqqaft bejni u bejnek.

52Xhud dan il-borġ u xhud dan il-plier, li jien ma ngħaddix lejk 'l hemm minn dan il-borġ, u li int ma tgħaddix lejja 'l hawn minn dan il-borġ u dan il-plier, biex nagħmlu deni lil xulxin.

53Alla ta' Abraham u Alla ta' Naħor u Alla ta' missierhom jagħmlu ħaqq bejnna," u ħalef Ġakobb b'Alla, il-Biża' ta' missieru Iżakk.

54U offra Ġakobb sagrifiċċju fuq il-muntanja, u stieden lil qrabatu biex jieklu; u huma kielu u għaddew il-lejl fuq il-muntanja.

## Ġenesi 32

1Filgħodu kmieni, Laban bies is-subien u l-bniet tiegħu, berikhom u dar lura lejn artu.

### Ġakobb f'Kangħan


© 2020 Malta Bible Society.

[2]Ġakobb kien sejjer għal triqtu meta ġew għal fuqu l-anġli ta' Alla.

[3]Xħin Ġakobb rahom qal: "Dan hu l-eżerċtu ta' Alla." U semma l-post: Maħanajm,
kamp.

[4]Imbagħad Ġakobb bagħat qablu messaġġiera għand ħuh Għesaw, lejn l-art ta'
Xegħir fl-inħawi ta' Edom.

[5]U ordnalhom u qalilhom: "Hekk tgħidulu lil sidi Għesaw: 'Dan jgħid il-qaddej
tiegħek Ġakobb: Kont qiegħed ma' Laban u bqajt sa issa.

[6]Għandi baqar, ħmir, imrieħel, qaddejja, irġiel u nisa, u qiegħed nibgħat ngħarraf
lil sidi biex insib ħniena f'għajnejk'."

[7]U l-messaġġiera reġgħu lura għand Ġakobb u qalulu: "Aħna morna għand ħuk
Għesaw, u hu ġej jiltaqa' miegħek b'erba' mitt ruħ miegħu."

[8]Ġakobb beda jibża' u għamel f'qalbu. U qassam in-nies li kellu miegħu, l-
imrieħel, il-baqar u l-iġmla f'żewġ kampijiet.

[9]Għax qal: "Jekk Għesaw jaħbat għal wieħed, għallanqas jeħlisha l-ieħor."

[10]U Ġakobb qal: "Alla ta' missieri Abraham, Alla ta' missieri Iżakk, int il-Mulej li
għedtli: 'Erġa' lura lejn artek u lejn niesek, u jien nagħtik ir-risq.'

[11]Ma kinux jistħoqquli t-tjieba u l-fedeltà kollha tiegħek, li wrejt mal-qaddej
tiegħek; jien qsamt dan il-Ġordan bil-ħatar tiegħi biss, imma issa sirt żewġ
kampijiet.

[12]Eħlisni issa minn idejn Għesaw, għax qiegħed nibża' minnu, li ma jiġix u joqtol
lili, 'l omm u 'l uliedha.

[13]Issa int għedtli: 'Jien nagħtik riżq kbir u nagħmel lil nislek bħar-ramel tal-
baħar, li ma jingħaddx għall-kotra.' "

[14]U dak il-lejl għaddieh hemm. Imbagħad qabad minn dak li ġie f'idejh biex
jagħtih rigal lil ħuh Għesaw:

[15]mitejn mogħża u għoxrin bodbod, mitejn nagħġa u għoxrin muntun,

[16]tletin ġemel ireddgħu bil-friegħ magħhom, tletin baqra u għoxrin barri,
għoxrin ħmara u għaxart iħmir irġiel.

[17]U tahom f'idejn il-qaddejja tiegħu, merħla merħla, kull waħda għaliha u
qalilhom: "Għaddu qabli u ħallu l-wisa' bejn merħla u oħra."

[18]U lill-ewwel wieħed ordnalu u qallu: "Meta jiltaqa' miegħek ħija Għesaw u
jistaqsik u jgħidlek: 'Ta' min intom? Fejn sejrin? Ta' min huma dawn li hawn
quddiemek?'


© 2020 Malta Bible Society.

19int wieġbu: 'Tal-qaddej tiegħek Ġakobb, rigal mibgħut lil sidi Għesaw, u hu ġej
warajna.' "

20U ordna wkoll lit-tieni wieħed, lit-tielet u lil dawk li kienu miexja wara l-
imrieħel u qalilhom: "Hekk tgħidu l-istess kliem lil Għesaw meta tiltaqgħu
miegħu.

21Tgħidulu: 'Ara, l-qaddej tiegħek Ġakobb ġej warajna.' " Għax qal: "Inrattablu
wiċċu bir-rigal li sejjer qabli; ħalli mbagħad wara dan nara 'l wiċċu, għandu
mnejn jerfagħli 'l wiċċi."

22U r-rigal għadda qablu; u hu għadda dak il-lejl fil-kamp.

### Ġakobb u l-anġlu ta' Alla

23U qam dak il-lejl stess, u qabad in-nisa tiegħu, u ż-żewġ qaddejja tiegħu, u l-
ħdax uliedu, u qasam il-mogħdija tal-Ġabbok.

24Qabadhom u għaddiehom ix-xmara b'kulma kellu.

25Imbagħad Ġakobb baqa' waħdu, u ġie raġel u baqa' jissara miegħu sa ma beda
jisbaħ.

26U meta ra li ma setax għalih, messlu l-għaksa ta' koxxtu, u l-għaksa ta' koxxt
Ġakobb tfekket, hu u jissara miegħu.

27Imbagħad qallu: "Ħallini mmur, għax qiegħed jisbaħ." U Ġakobb wieġbu: "Ma
nħallikx jekk ma tberiknix." U dan staqsieh:

28"Inti x'jismek?" "Ġakobb," wieġbu. U dak qallu:

29"Ma jkunx aktar jismek Ġakobb, iżda Iżrael, għax int issarajt ma' Alla u mal-
bnedmin, u rbaħt."

30Staqsieh Ġakobb u qal: "Għidli x'jismek," u wieġbu: "Għaliex tistaqsini ismi?" U
bierku hemmhekk.

31Għalhekk Ġakobb sejjaħ dak il-post Penuwel, għax qal: "Rajt lil Alla wiċċ imb
wiċċ, u ħajti ħelsitha."

32U x-xemx kienet telgħet meta għadda minn Penuwel, izappap fuq koxxtu.

33Għalhekk sal-lum ulied Iżrael ma jiklux in-nerv tal-koxxa li hemm fl-għaksa tal-
koxxa, għax Alla qabad lil Ġakobb mill-għerq tal-għaksa ta' koxxtu.

## Ġenesi 33

### Il-laqgħa bejn Ġakobb u Għesaw

1U Ġakobb rafa' għajnejh, ħares u ra lil Għesaw riesaq b'erba' mitt ruħ miegħu;
għalhekk qassam lil uliedu bejn Lija, Rakel u ż-żewġ qaddejja nisa.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

2 U qiegħed il-qaddejja b'uliedhom quddiem, imbagħad lil Lija b'uliedha, u fl-aħħar lil Rakel ma' Ġużeppi.

3 U hu għadda qabilhom, u nxteħet wiċċu fl-art għal seba' darbiet, sakemm wasal ħdejn ħuh.

4 Imma Għesaw mar jiġri jilqgħu u jgħannqu, u ntefa' fuq għonqu u biesu, u bkew it-tnejn.

5 U refa' għajnejh, u ra n-nisa u t-tfal u staqsieh: "Min huma dawn li għandek miegħek?" U hu wieġbu: "L-ulied li Alla l-ħanin ta lill-qaddej tiegħek."

6 U resqu lejh il-qaddejja nisa, huma u wliedhom, u nxteħtu wiċċhom fl-art quddiemu.

7 Resqet ukoll Lija b'uliedha, u nxteħtet wiċċha fl-art; u fl-aħħar resqu Ġużeppi u Rakel, u nxteħtu wiċċhom fl-art quddiemu.

8 U Għesaw qallu: "Xi trid tgħid b'din il-qatgħa ta' nies kollha li ltqajt magħha?" U Ġakobb wieġbu: "Biex insib il-ħniena f'għajnejk, sidi."

9 U Għesaw qallu: "Jien għandi biżżejjed, ħija; ħa jibqa' għandek dak li hu tiegħek."

10 Imma Ġakobb qallu: "Le, nitolbok, jekk jien sibt il-ħniena f'għajnejk, ilqa' dan ir-rigal tiegħi minn idi, għax għalhekk jien ridt nara 'l wiċċek, bħallikieku rajt wiċċ Alla, u int ilqajtni tajjeb.

11 Ħu, jekk jogħġbok, il-barka tiegħi li ġibtlek, għax Alla ħenn għalija u jien għandi minn kollox." U baqa' jissikka fuqu, u Għesaw ħa r-rigal.

12 U qallu: "Ħa nerfgħu l-kamp u nitilqu, u jien nimxi qablek."

13 U Ġakobb wieġeb: "Sidi, inti taf li t-tfal huma dgħajfa, u jien għandi fuqi l-piż tal-imrieħel u l-baqar ireddgħu, u jekk jinkeddu għal jum wieħed biss, imutu l-imrieħel kollha.

14 Ħa jgħaddi sidi qabel il-qaddej tiegħu, u jien nimxi bil-mod il-mod, skont il-pass tal-bhejjem li għandi quddiemi u l-pass tat-tfal, sakemm nilħaq lil sidi f'Xegħir."

15 U Għesaw qallu: "Mela ħa nħalli miegħek xi ftit min-nies li għandi miegħi." Imma Ġakobb wieġeb: "Dan għalfejn? Jalla nsib ħniena f'għajnejn sidi!"

16 U dak in-nhar Għesaw qabad triqtu lura lejn Xegħir.

### Ġakobb f'Sikem

17 U Ġakobb rafa' l-kamp u rħielha lejn Sukkot, u bena hemm dar u mqawel għall-imrieħel tiegħu. Għalhekk semma l-post Sukkot.

18 U Ġakobb wasal qawwi u sħiħ f'Sikem, li hemm fl-art ta' Kangħan, meta ġie minn Fiddien-aram, u waqqaf il-kamp tiegħu biswit il-belt.


© 2020 Malta Bible Society.

[19]U xtara b'mitt biċċa flus dik il-biċċa tal-għalqa, fejn kien waqqaf il-kamp tiegħu, mingħand ulied Hamor, missier Sikem.

[20]U waqqaf artal u semmieh El-eloħe-iżrael.

# Ġenesi 34

### It-tkasbir ta' Dina

[1]U Dina, bint Lija, li kienet wilditha lil Ġakobb, ħarġet tara n-nies ta' dik l-art.

[2]U raha Sikem, bin Hamor il-Hiwwi, li kien prinċep ta' dak il-post, u ħadha u raqad magħha u kasbarha.

[3]U nġibdet qalbu lejn Dina bint Ġakobb; u ż-żagħżugħ lit-tifla ħabbha u beda jkellimha bil-ħlewwa, u qalilha kliem li laqtilha qalbha.

[4]Imbagħad Sikem kellem lil missieru Hamor u qallu: "Hudli b'marti 'l din it-tifla."

[5]U Ġakobb sama' li tebbgħu lil bintu Dina, waqt li wliedu kienu fir-raba' bil-merħla tiegħu; imma Ġakobb baqa' sieket sakemm ġew.

[6]U Hamor, missier Sikem, ħareġ ikellem lil Ġakobb.

[7]Meta wlied Ġakobb ġew lura mir-raba' u semgħu, għadbu u xegħlu b'qilla kbira, għax Sikem kien mexa ħażin ma' Iżrael, meta raqad ma' bint Ġakobb - ħaġa li ma għandhiex issir.

[8]U Hamor kellimhom u qalilhom: "Ibni Sikem qalbu ntrabtet ma' bintkom, żewġuhielu u tħalltu magħna;

[9]agħtuna l-bniet tagħkom, u ħudu għalikom il-bniet tagħna.

[10]Oqogħdu magħna; f'idejkom l-art, għammru fiha, inneguzjaw u iksbu l-art fiha."

[11]Imbagħad Sikem qal lil missierha u 'l ħutha: "Jekk jien sibt ħniena f'għajnejkom, kulma tgħiduli nagħtihulkom.

[12]Imqar jekk iżżiduli l-ħlas u r-rigal, jien nagħtikom kemm tgħiduli, imma agħtuni t-tifla b'marti."

[13]U wlied Ġakobb wieġbu u qarrqu b'Sikem u b'Hamor missieru, għax kien tabba' 'l oħthom Dina.

[14]U qalulhom: "Ma nistgħux nagħmlu ħaġa bħal din, li nagħtu lil oħtna lil wieħed mhux maħtun, dan ikun għajb għalina.

[15]Hekk biss naqtgħulkom xewqitkom: jekk issiru bħalna, u kull raġel fostkom jinħaten.


© 2020 Malta Bible Society.

16 Imbagħad nagħtukom il-bniet tagħna u aħna nieħdu l-bniet tagħkom; u ngħammru magħkom u nsiru poplu wieħed.

17 Jekk ma tisimgħux minna u ma tinħatnux, naqbdu t-tifla tagħna u nitilqu."

18 Dan kliemhom għoġobhom, lil Ħamor u 'l Sikem bin Ħamor.

19 U ż-żagħżugħ ma ddawwarx ma għamel din il-ħaġa, għax kien iħobb tassew lil bint Ġakobb, u hu kien l-iktar miġjub f'dar missieru.

20 U Ħamor u ibnu Sikem marru ħdejn il-bieb tal-belt tagħhom biex ikellmu n-nies tal-belt u jgħidulhom:

21 "Dawn in-nies huma ħbieb tagħna; ħa jgħammru f'din l-art u jinneguzjaw fiha. Hemm wisa' biżżejjed għalihom fl-art kull fejn iddur. Ħa nieħdu l-bniet tagħhom b'nisa tagħna u lilhom nagħtuhom il-bniet tagħna.

22 Imma dawn in-nies ħaġa waħda jitolbu mingħandna biex jgħammru magħna, u nsiru poplu wieħed: jiġifieri li kull raġel fostna jinħaten, bħalma huma maħtunin huma.

23 L-imrieħel tagħhom, il-ġid tagħhom, u l-bhejjem tagħhom ma jkunux kollha tagħna? Ħa naqtgħulhom xewqithom, u jgħammru magħna."

24 U 'l Ħamor u 'l Sikem tawhom widen dawk kollha li kienu ħerġin mill-bieb tal-belt, u nħatnu l-irġiel kollha li kienu ħerġin minn bieb il-belt.

25 U ġara li fit-tielet jum, kif kienu għadhom miġruħa, Simgħon u Levi, ħut Dina, kull wieħed bix-xabla tiegħu, daħlu l-belt b'qalbhom qawwija u qatlu l-irġiel kollha.

26 U 'l Ħamor u 'l ibnu Sikem għaddewhom minn xifer is-sejf, u ħarġu 'l Dina minn dar Sikem u telqu 'l barra.

27 Imbagħad ulied Ġakobb intefgħu fuq il-maqtulin u serqu l-belt, għax kienu tebbgħulhom lil oħthom.

28 U ħadu l-imrieħel u l-baqar li kellhom, il-ħmir tagħhom u kulma kien hemm fil-belt u kulma kien hemm fir-raba'.

29 Ħadulhom ġidhom kollu, u ħadu f'idejhom it-tfal tagħhom u n-nisa tagħhom, b'kulma kien hemm ġewwa d-dar.

30 U Ġakobb qal lil Simgħon u lil Levi; "Ħawwadtuni u bgħadtuni man-nies ta' din l-art, il-Kangħanin u l-Periżżin; in-nies tiegħi huma ftit; jekk jingħaqdu kontrija, u jaħbtu għalija, ninqered jien u dari."

31 U huma weġbuh: "Forsi kellhom jimxu ma' oħtna bħallikieku ma' xi mara żienja?"


© 2020 Malta Bible Society.

# Ġenesi 35

### Alla jġedded il-patt ma’ Ġakobb

1 U Alla qal lil Ġakobb: “Qum u itla’ lejn Betel, u oqgħod hemm. Tella’ hemm artal
lil Alla li deherlek, meta kont maħrub minn quddiem ħuk Għesaw.”

2 U Ġakobb qal lin-nies ta’ daru u ’l kull min kien miegħu: “Warrbu lill-allat
barranin li hemm f’nofskom, tnaddfu u biddlu ħwejjiġkom.

3 Imbagħad inqumu u nitilgħu Betel, u ntellgħu hemm artal lil Alla, li weġibni
meta kont fil-hemm u baqa’ miegħi fit-triq li kont qbadt.”

4 U taw lil Ġakobb l-allat kollha barranin li kellhom, u l-imsielet li kellhom
f’widnejhom, u Ġakobb radamhom taħt il-balluta ta’ ħdejn Sikem.

5 Imbagħad refgħu l-kamp, u l-biża’ ta’ Alla waqa’ fuq l-ibliet ta’ madwarhom, u
ħadd ma għamel għal wara wlied Ġakobb.

6 U Ġakobb wasal Luż - li hi Betel - li hemm fl-art ta’ Kangħan, hu u n-nies kollha
li kellu miegħu.

7 U bena hemm artal u semma l-post: El-Betel, għax hemm kien deherlu Alla meta
ħarab minn quddiem ħuh.

8 U mietet Debora, l-imraddgħa ta’ Rebekka, u difnuha ’l isfel minn Betel, taħt il-
balluta u semmieha: Allon-bakut.

9 U raġa’ deher Alla lil Ġakobb, meta ġie minn Fiddien-aram, u bierku.

10 U Alla qallu: “Int jismek Ġakobb, ma jissejjaħx iżjed ismek Ġakobb, imma Iżrael
ikun ismek.” U sejjaħlu ismu Iżrael.

11 U Alla qallu: “Jien El-Xaddaj. Nissel u oktor, għax ġens u ġemgħa ta’ ġnus
jitnisslu minnek u slaten joħorġu minn ġenbejk.

12 U l-art li jien tajt lil Abraham, u lil Iżakk, lilek ukoll nagħtiha; u lil nislek
nagħtihom din l-art warajk.”

13 Imbagħad Alla tala’ ’l fuq minn ħdejh, fejn kien kellmu.

14 U Ġakobb waqqaf plier fejn kien kellmu, plier tal-ġebel; u raxxax l-inbid fuqu
u sawwab iż-żejt.

15 U Ġakobb semma l-post fejn kellmu Alla Betel.

### It-twelid ta’ Benjamin u l-mewt ta’ Rakel

16 Imbagħad refgħu l-kamp, u telqu minn Betel; u meta kien għad fadlilhom biċċa
triq sewwa għal Efrata, Rakel wildet, u kellha ħlas iebes.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

17U ġara li xħin kienet qiegħda titħabat biex teħles il-qabla qaltilha: "La tibżax, għax dan ukoll se jkunlek tifel."

18U hi u ħierġa ruħha - għax kienet qiegħda tmut - sejħet ismu Benoni, iżda missieru semmieh Benjamin.

19U Rakel mietet u difnuha fit-triq ta' Efrata, li hi Betlehem.

20U Ġakobb waqqaf plier fuq qabarha, li hu l-plier tal-qabar ta' Rakel, u għadu hemm sal-lum.

21Iżrael rafa' l-kamp u mar waqqaf l-għarix tiegħu 'l hemm minn Migdol-għeder.

22U meta Iżrael kien jgħammar f'dik l-art, Ruben mar jimtedd ma' Bilħa, il-konkubina ta' missieru, u Iżrael sema' b'dan.

### Il-familja ta' Ġakobb

Ulied Iżrael kienu tnax.

23Ulied Lija: Ruben, il-kbir ta' Ġakobb, Simgħon, Levi, Ġuda, Issakar u Żebulun.

24Ulied Rakel: Ġużeppi u Benjamin.

25Ulied Bilħa, il-qaddejja ta' Rakel: Dan u Naftali.

26Ulied Żilfa, il-qaddejja ta' Lija: Gad u Aser. Dawn ulied Ġakobb li tweldulu f'Fiddien-aram.

### Il-mewt ta' Iżakk

27U Ġakobb ġie għand missieru Iżakk f'Mamri, Kirjat-arba, jiġifieri f'Hebron, fejn kienu għammru Abraham u Iżakk.

28Iżakk kellu mija u tmenin sena

29meta ħa l-aħħar nifs u miet, xiħ u mimli bil-għomor, u nġabar ma' niesu. U difnuh uliedu Għesaw u Ġakobb.

## Ġenesi 36

### In-nisel ta' Għesaw

1Dan hu nisel Għesaw, li hu Edom.

2Għesaw ħa n-nisa tiegħu minn fost il-bniet tal-Kangħanin: Għada bint Elon il-Hitti; Oħolibama bint Għana, bint Sibgħun il-Hiwwi,

3u Baxemat bint Ismagħel, oħt Nebajot.

4Lil Għesaw Għada wildet 'l Elifaż, u Baxemat wildet lil Regħwel;

5u Oħolibama wildet lil Ġegħus, 'il Ġagħlam u 'l Koraħ. Dawn huma wlied Għesaw, li tweldulu fl-art ta' Kangħan.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

6U Għesaw qabad in-nisa tiegħu u 'l uliedu, subien u bniet, u l-qaddejja kollha ta' daru, l-imrieħel u l-bhejjem kollha tiegħu, u l-ġid kollu li kien kiseb fl-art ta' Kangħan, u telaq bihom lejn art 'il bogħod minn ħuh Ġakobb.

7Għax ġidhom kien kbir wisq biex jgħixu flimkien, u l-art fejn kienu joqogħdu ma kinitx tiflaħhom minħabba l-imrieħel tagħhom.

8U Għesaw għammar fuq l-iġbla ta' Xegħir - Għesaw hu Edom.

9Dan hu n-nisel ta' Għesaw, missier l-Edumin, fuq il-muntanji ta' Xegħir.

10Dawn huma l-ismijiet ta' wlied Għesaw: Elifaż bin Għada, mart Għesaw; Regħwel bin Baxemat, mart Għesaw.

11Ulied Elifaż kienu: Teman, Omar, Sefu, Ġagħtam u Kenaż.

12U Timna, li kienet il-konkubina ta' Elifaż, bin Għesaw, wildet lil Għamalek lil żewġha. Dawn kienu wlied Għada, mart Għesaw.

13Ulied Regħwel kienu: Natan, Żaraħ, Samma u Miżża. Dawn kienu wlied Baxemat, mart Għesaw.

14Dawn kienu wlied Oħolibama bint Għana, bint Sibgħun, mart Għesaw li wildet lil Għesaw, 'il Ġegħus, 'il Ġagħlam, u 'l Koraħ.

15Dawn kienu l-kapijiet ta' wlied Għesaw: ulied Elifaż, il-kbir ta' Għesaw, il-kap Teman, il-kap Omar, il-kap Sefu, il-kap Kenaż,

16il-kap Koraħ, il-kap Ġagħtam, il-kap Għamalek. Dawn huma l-kapijiet ta' wlied Elifaż, fl-art ta' Edom. Dawn kienu wlied Għada.

17U dawn kienu wlied Regħwel bin Għesaw: il-kap Natan, il-kap Żeraħ, il-kap Samma, il-kap Miżża. Dawn kienu l-kapijiet ta' wlied Regħwel fl-art ta' Edom, ulied Baxemat, mart Għesaw.

18Dawn kienu l-kapijiet ta' wlied Oħolibama, mart Għesaw: il-kap Ġegħus, il-kap Ġagħlam u l-kap Koraħ. Dawn il-kapijiet ta' wlied Oħolibama bint Għana, mart Għesaw.

19Dawn kienu wlied Għesaw u l-kapijiet tagħhom - dan hu Edom.

### Nisel Xegħir

20Dawn kienu wlied Xegħir il-Ħori, li kienu jgħammru f'din l-art: Lotan, Sobal, Sibgħon, Għana,

21Dison, Għeser, Disan. Dawn kienu l-kapijiet tal-Ħorin, ulied Xegħir, fl-art ta' Edom.

22Ulied Lotan kienu: Ħori, Heman, u oħt Lotan kienet Timna.

23U dawn huma wlied Sobal: Għalwan, Manaħat, Għebal, Sefu, u Onam.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

24Ulied Sibgħun kienu: Ajja u Għana. Dan hu Għana, dak li sab l-għejun ta' ilma
sħun fid-deżert, hu u jirgħa l-ħmir ta' missieru Sibgħun.

25Ulied Għana kienu: Disan u Oħolibama bint Għana.

26Ulied Disan kienu: Hemdan, Esban u Itran u Keran.

27Ulied Għeser kienu: Bilħan, Żagħwan u Għakan.

28Ulied Disan kienu: Għus u Aran.

29Dawn kienu l-kapijiet tal-Ħorin: il-kap Lotan, il-kap Sobal, il-kap Sibgħun, il-
kap Għana,

30il-kap Dison, il-kap Għeser u l-kap Disan. Dawn kienu l-kapijiet tal-Ħorin, skont
it-tribujiet tagħhom, fl-art ta' Xegħir.

### Is-slaten ta' Edom

31Dawn kienu s-slaten li saltnu fuq l-art ta' Edom, qabel ma beda jsaltan sultan
fuq ulied Iżrael.

32Saltan f'Edom Bela bin Begħor, u l-belt tiegħu kien jisimha Dinħaba.

33Miet Bela, u saltan warajh Ġobab bin Żeraħ minn Basra.

34Miet Ġobab u warajh saltan Ħusam, minn art it-Temanin.

35Miet Ħusam, u warajh saltan Hadad bin Bedad, li ħabat għall-Midjan fir-raba'
ta' Mowab; u l-belt tiegħu kienet Għawit.

36Miet Hadad, u saltan warajh Xamla, minn Maxreka.

37Miet Xamla, u warajh saltan Sawl, minn Reħobot tax-Xmara.

38Miet Sawl, u saltan warajh Bagħal-ħanan bin Għakbor.

39Miet Bagħal-ħanan bin Għakbor, u saltan warajh Hadar, u l-belt tiegħu kien
jisimha Pagħu; u martu kien jisimha Meħetabel bint Matred minn Miżaħab.

40Dawn huma l-ismijiet tal-kapijiet tat-tribujiet ta' Għesaw, kif kienu mqassmin
skont il-familji u l-għamajjar tagħhom, b'isimhom; il-kap Timna, il-kap Għalwa,
il-kap Ġetet,

41il-kap Oħolibama, il-kap Ela, il-kap Pinon,

42il-kap Kenaż, il-kap Teman, il-kap Mibsar,

43il-kap Magdijel, il-kap Għiram. Dawn huma l-kapijiet ta' Edom skont l-
għamajjar tagħhom fl-art li kienu ħadu. Dan hu Għesaw, missier l-Edumin.

## Ġenesi 37

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

## Il-ħolm ta’ Ġużeppi

1U Ġakobb kien jgħammar fl-art fejn kien jgħammar missieru bħala frustier fl-art ta’ Kangħan.

2Dan hu nisel Ġakobb: Kellu sbatax-il sena Ġużeppi, meta kien jirgħa n-nagħaġ ma’ ħutu. Kien daqsxejn ta’ tifel għal ħdejn ulied Bilħa u wlied Żilfa, in-nisa ta’ missieru. U Ġużeppi wassal xniegħa ħażina fuqhom lil missierhom.

3Iżrael kien iħobb ’il Ġużeppi aktar minn ħutu kollha, għax kien twelidlu fi xjuħitu; u għamillu libsa twila bil-kmiem.

4U ħutu ntebħu li missierhom kien iħobbu aktar minn ħutu kollha; u saru jobogħduh u ma kellhomx ħila jkellmuh bis-sliem.

5U Ġużeppi ħolom ħolma u qalha lil ħutu, u dawn aktar bagħduh.

6U qalilhom: “Isimgħu din il-ħolma li ħlomt.

7Konna qegħdin norbtu l-qatet f’nofs l-għalqa, u, araw, il-qatta tiegħi tqum u baqgħet wieqfa, waqt li daru magħha l-qatet tagħkom u nxteħtu fl-art quddiemha.”

8U qalulu ħutu: “Ma nagħmlux mod li se ssaltan jew taħkem fuqna, hux?” U aktar komplew jobogħduh minħabba l-ħolm tiegħu u kliemu.

9U raġa’ ħolom ħolma oħra u qalha lil ħutu u qalilhom: “Erġajt ħlomt ħolma: ix-xemx u l-qamar u ħdax-il kewkba nxteħtu fl-art quddiemi.”

10Qalha wkoll lil missieru u lil ħutu; u missieru beda jlumu u jgħidlu: “X’inhi din il-ħolma li ħlomt? Jaqaw sa niġu jien u ommok u ħutek ninxteħtu fl-art quddiemek?”

11Hutu komplew jgħiru għalih, imma missieru żamm f’moħħu dan il-kliem.

## Il-konfoffa kontra Ġużeppi

12U ħutu marru jirgħu l-imrieħel ta’ missierhom f’Sikem.

13U Iżrael qal lil Ġużeppi: “Ara ħutek qegħdin jirgħu f’Sikem, ejja ħa nibagħtek ħdejhom.” U hu wieġbu: “Hawn jien.”

14U qallu: “Mur u ara jekk humiex tajbin ħutek, u humiex tajbin l-imrieħel, u ejja għidli.” U bagħtu mill-wied ta’ Hebron u mar Sikem.

15U ltaqa’ miegħu raġel, hu u jiġġerra fir-raba’, u dan staqsieh u qallu: “X’inti tfittex?”

16U wieġbu: “Lil ħuti qiegħed infittex. Għidli, jekk jogħġbok, fejn qegħdin jirgħu?”

17U dak ir-raġel qallu: “Telqu minn hawn, għax smajthom jgħidu: ‘Ha mmorru Dotan.’ ” U rħielha Ġużeppi għal wara ħutu, u sabhom f’Dotan.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

18U huma rawh mill-bogħod u sakemm wasal ħdejhom ftiehmu kif joqtluh.

19U bdew jgħidu lil xulxin: "Arah, ġej il-ħalliem!

20Issa ejjew ħa noqtluh u nixħtuh ġo xi bir, u mbagħad ngħidu li xi bhima
selvaġġa kilitu, u naraw x'jiswielu l-ħolm tiegħu."

21U Ruben sama' u ħelsu minn idejhom, u qalilhom: "Ma nneħħulux ħajtu."

22U żied jgħidilhom Ruben: "La xxerrdux demm. Ixħtuh f'dan il-bir li hawn fid-
deżert, u la tmiddux idejkom fuqu." Dan għamlu biex jeħilsu minn idejhom, u
jroddu lil missieru.

23U ġara li malli Ġużeppi wasal ħdejn ħutu, neżżgħuh mil-libsa li kellu fuqu, il-
libsa twila bil-kmiem, u

24qabduh u xeħtuh fil-bir. Il-bir kien battal, mingħajr ilma.

25Imbagħad qagħdu bilqiegħda jieklu l-ħobż. Kif refgħu għajnejhom raw
karwana ta' Ismagħelin ġejja minn Gilgħad bl-iġmla tagħhom mgħobbija bid-
dragant, il-balzmu u l-lawdnu, sejrin iħottuhom l-Eġittu.

26U Ġuda qal lil ħutu: "X'se ndaħħlu jekk noqtlu 'l ħuna u naħbu demmu?

27Ejjew inbigħuh lill-Ismagħelin u ma mmiddux idejna fuqu, għax ħuna u
laħamna hu." U ħutu semgħu minnu.

28U għaddew xi neguzjanti Midjanin, u ġibdu lil Ġużeppi u tellgħuh mill-bir, u
biegħu lil Ġużeppi lill-Ismagħelin b'għoxrin biċċa tal-fidda; u 'l Ġużeppi ħaduh l-
Eġittu.

29Meta Ruben raġa' lura lejn il-bir, sab li Ġużeppi ma kienx għadu hemm, u ċarrat
ilbiesu.

30U raġa' mar ħdejn ħutu u qalilhom: "It-tifel ma għadux hemm, u issa jien fejn
se naqbad immur?"

31U qabdu l-libsa ta' Ġużeppi, qatlu gidi, u ċappsu l-libsa bid-demm.

32U bagħtu l-libsa twila bil-kmiem u ħaduha għand missierhom u qalulu: "Sibna
din. Ara jekk hijiex jew le l-libsa ta' ibnek."

33U hu raha u qal: "Din il-libsa ta' ibni. Xi bhima selvaġġa kiefra kilitu u Ġużeppi
mqatta' bċejjeċ."

34U Ġakobb ċarrat ilbiesu u geżwer xkora ma' qaddu u għamel vistu għal ibnu
għal żmien twil.

35U wliedu, subien u bniet, qamu biex ifarrġuh, imma hu ma riedx jaf b'faraġ, u
qal: "Imnikket sa ninżel taħt l-art ħdejn ibni." U missieru bkieh!

36Il-Midjanin bigħuh lil Putifar, uffiċjal tal-Fargħun, kap tal-koki.


© 2020 Malta Bible Society.

# Ġenesi 38

### Iż-żwieġ ta' Ġuda u wliedu

1 Ġara li f'dak iż-żmien Ġuda warrab minn ma' ħutu, u mar għand wieħed minn Għadullam, jismu Ħira.

2 U hemm Ġuda ra 'l bint wieħed Kangħani, li kien jismu Sugħa; iżżewwiġha u resaq lejha.

3 U tqalet u wildet tifel, u semmieh Għer.

4 U reġgħet tqalet u wildet tifel, u semmietu Onan.

5 U wildet mill-ġdid tifel u semmietu Sela; u meta wilditu kienet f'Keżib.

6 U Ġuda żewweġ lil Għer, ibnu l-kbir, lil mara jisimha Tamar.

7 Għer, il-kbir ta' Ġuda, kien ħażin f'għajnejn il-Mulej, u l-Mulej qatlu.

8 U Ġuda qal lil Onan: "Ersaq lejn il-mara ta' ħuk u aqdi dmirek ta' ħaten li int, u qajjem nisel għal ħuk.

9 U Onan kien jaf li n-nisel ma kienx se jkun tiegħu, u ġara li meta kien jersaq lejn mart ħuh, kien jarmi fl-art, biex ma jagħtix nisel lil ħuh.

10 U dak li għamel kien ħażin f'għajnejn il-Mulej, u 'l dan qatlu wkoll.

11 Imbagħad Ġuda qal lil Tamar, mart ibnu: "Mur lura, u ibqa' armla f'dar missierek, sakemm jikber Sela ibni," għax qal: "Li ma jmurx imut hu wkoll bħal ħutu." U Tamar telqet u qagħdet f'dar missierha.

### Ġuda u Tamar

12 U għadda ħafna żmien u mietet bint Sugħa, il-mara ta' Ġuda, u meta tfarraġ dan tala' ħdejn il-ġeżżieża tal-merħla tiegħu, hu u ħabibu Ħira l-Għadullami, f'Timna.

13 U meta għarrfuha u qalulha: "Ara, missier żewġek tala' Timna jġiżż il-merħla tiegħu,"

14 Tamar neħħiet minn fuqha l-ilbies ta' armla, tgħattiet bi star, raxxet il-fwieħa, tgeżwret, u qagħdet f'daħlet Għenajm, fit-triq ta' Timna; għax hi kienet rat li Sela kien kiber, u baqgħu ma żewġuhulhiex.

15 U raha Ġuda u ħasibha xi mara żienja, għax hi kienet għattiet wiċċha.

16 U kiser lejha u qalilha: "Ejja, ħallini nersaq lejk," għax ma ntebaħx li kienet mart ibnu. U hi weġbitu: "X'tagħtini biex tersaq lejja?"

17 U hu weġibha: "Nibgħatlek gidi mill-merħla." U hi qaltlu: "Imma agħtini rahan, sakemm tibgħathuli."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

18“X’rahan nista’ nagħtik?” staqsieha. U hi wieġbet: “Is-siġill tiegħek, il-qafla u l-
ħatar tiegħek li għandek f’idejk.” U tahomlha, u resaq lejha, u ħarġitlu tqila.

19U qamet, neħħiet l-istar tagħha minn fuqha, u libset l-ilbies ta’ armla.

20U Ġuda bagħtilha l-gidi ma’ ħabibu l-Għadullami, biex jieħu r-rahan minn id il-
mara; imma ma sabhiex.

21U staqsa n-nies tal-post u qalilhom: “Fejn hija l-mara żienja tas-santwarju, dik
li tkun f’Għenajm, hawn fit-triq?” U weġbuh: “Ma hawn l-ebda mara żienja tas-
santwarju hawn.”

22U hu raġa’ lura għand Ġuda u qallu: “Ma sibthiex, u n-nies tal-post qalu li ma
hemmx mara żienja tas-santwarju.”

23U Ġuda qallu: “Ha teħodhom, li ma naqgħux għaż-żufjett, jien talli bgħattilha l-
gidi, u int talli ma sibthiex.”

24U ġara li malli għaddew tliet xhur għarrfu lil Ġuda u qalulu: “Tamar, mart
ibnek, żniet, u saħansitra tqalet biż-żina tagħha.” U Ġuda weġibhom: “Oħorġuha,
u aħarquha.”

25U hi u ħierġa bagħtet tgħid lil missier żewġha: “Mir-raġel li tiegħu huma dawn,
jien tqila.” U żiedet tgħid: “Ara tagħrafx ta’ min huma dawn: is-siġill, il-qafla u l-
ħatar.”

26U Ġuda għarafhom u qal: “Għandha raġun iżjed minni, għax jien ma tajthiex lil
ibni Sela.” U ma għarafhiex iżjed.

27U meta waslet biex tiled, kien hemm tewmin f’ġufha.

28Hi u teħles wieħed minnhom ħareġ idu, u l-qabla rabtitlu ma’ idu ħajta ħamra
skura u qalet: “Dan ħareġ l-ewwel.”

29Iżda meta raġa’ ġibed idu, qabad u ħareġ ħuh, u hi qalet: “Għala ħriġt b’din is-
saħħa kollha?” U semmietu Pereż.

30U fl-aħħar ħareġ ħuh, li kellu l-ħajta f’idu, u semmietu Żeraħ.

# Ġenesi 39

### Ġużeppi f’dar Putifar

1U ’l Ġużeppi niżżluh l-Eġittu u Putifar, uffiċjal tal-Fargħun u kap tal-koki, raġel
Eġizzjan, xtrah mingħand l-Ismagħelin, li kienu niżżluh hemmhekk.

2U l-Mulej kien ma’ Ġużeppi; għalhekk kien bniedem li kellu r-riżq. U baqa’ fid-
dar ta’ sidu l-Eġizzjan.

3U sidu ra li l-Mulej kien miegħu, u kulma kien imidd idu għalih il-Mulej kien
jagħtih ir-risq.


© 2020 Malta Bible Society.

4 U Ġużeppi sab grazzja f'għajnejn sidu, u kien iservih, u hu qiegħdu fuq daru
kollha, u fdalu f'idejh kulma kellu.

5 U mindu qiegħdu fuq daru u fuq kulma kellu, bierek il-Mulej dar l-Eġizzjan
minħabba Ġużeppi; u l-barka tal-Mulej kienet fuq kulma kellu fid-dar u fir-raba'.

6 U ħalla kulma kellu f'idejn Ġużeppi u ma kien irid jaf b'xejn mingħandu, ħlief
bil-ħobż li hu kien jiekol. U Ġużeppi kien ta' sura sabiħa u wiċċu ħelu.

7 U ġara li wara dan kollu, mart sidu xeħtet għajnejha fuq Ġużeppi u qaltlu:
"Imtedd miegħi."

8 U hu ma riedx, u qal lil mart sidu: "Ara, sidi ma jrid jaf b'xejn mingħandi dwar
x'hawn fid-dar, u kulma għandu rħieh f'idejja.

9 Hadd mhawn fuqi f'din id-dar, u hu ma ċaħħadni minn xejn ħlief minnek, għax
inti martu. U kif nista' nagħmel dan il-ħażen hekk kbir u nidneb kontra Alla."

10 U għalkemm hi kienet tkellem hekk lil Ġużeppi jum wara l-ieħor hu qatt ma
sama' minnha li jimtedd ma' ġenbha jew li joqgħod magħha.

11 Ġara li darba waħda bħal dari Ġużeppi daħal id-dar jagħmel ix-xogħol tiegħu u
ma kien hemm ħadd min-nies tad-dar ġewwa.

12 U hi qabditu minn ħwejġu u qaltlu: Imtedd miegħi." U hu telaq il-libsa f'idha,
ħarab u ħareġ 'il barra.

13 U ġara li, malli rat li ħalla ħwejġu f'idha u ħarab 'il barra,

14 bdiet tgħajjat in-nies ta' darha u tgħidilhom: "Araw, ġibilna raġel Għebrew biex
jgħaddi ż-żmien bina. Resaq lejja biex jimtedd miegħi, u jien għajjatt għajta kbira.

15 U hu malli semagħni ngħolli leħni u ngħajjat, ħalla ħwejġu ħdejja, u ħarab u
ħareġ 'il barra."

16 U żammet ħwejġu ħdejha sakemm ġie sidu d-dar tiegħu.

17 U hi tennietlu dan il-kliem kollu u qaltlu: "Resaq lejja dan l-ilsir Għebrew li int
ġibtilna biex jgħaddi ż-żmien bija.

18 U ġara li malli għollejt leħni u bdejt ngħajjat ħalla ħwejġu ħdejja, ħarab, u ħareġ
'il barra."

19 U malli sidu sama' l-kliem li qaltlu martu: "Dawn il-ħwejjeġ għamilli l-ilsir
tiegħek," xegħel bil-qilla.

20 U sidu qabad lil Ġużeppi u xeħtu l-ħabs fejn kienu magħluqa l-ħabsin tas-
sultan. U hu baqa' hemm fil-ħabs.

21 Imma l-Mulej kien ma' Ġużeppi u wera tjieba miegħu, u għamel li jsib grazzja
f'għajnejn il-kap tal-ħabs.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

22U l-kap tal-ħabs ħalla f'idejn Ġużeppi l-ħabsin kollha li kien hemm; u kulma kien isir hemm ġew kien jagħmlu hu.

23U l-kap tal-ħabs ma kienx jagħti kas ta' dak li kien fdat f'idejn Ġużeppi, għax il-Mulej kien miegħu u kulma kien jagħmel il-Mulej kien iġibhulu 'l quddiem.

## Ġenesi 40

### Ġużeppi u l-ħolm ta' sħabu

1U wara dawn il-ġrajja l-kuppier u l-pannettier tas-sultan tal-Eġittu naqsu lil sidhom is-sultan tal-Eġittu.

2U l-Fargħun għadab għaż-żewġ uffiċjali ewnuki tiegħu, għall-kuppier u għall-pannettier.

3U xeħithom l-għassa fid-dar tal-kap tal-koki, fil-ħabs fejn kien magħluq Ġużeppi.

4U l-kap tal-koki qiegħed fuqhom lil Ġużeppi u dan kien idur bihom; u damu żmien il-ħabs.

5Il-kuppier u l-pannettier tas-sultan tal-Eġittu, li kienu magħluqin il-ħabs, ħolmu ħolma huma t-tnejn f'lejl wieħed, kull wieħed il-ħolma tiegħu u kull ħolma bit-tifsira tagħha.

6U xħin Ġużeppi ġie ħdejhom filgħodu rahom li kienu mħassba.

7U staqsa lill-uffiċjali tal-Fargħun li kienu miegħu l-ħabs f'dar sidu u qalilhom: "Għala wiċċkom imqarras illum?"

8U huma weġbuh: "Ħlomna ħolma u ma għandniex min ifissirhielna." U Ġużeppi qalilhom: "Mhux f'idejn Alla t-tifsir? Għiduhieli."

### Il-ħolma tal-kuppier

9U l-kuppier qal il-ħolma tiegħu lil Ġużeppi u qallu: "Fil-ħolma tiegħi rajt dielja quddiemi.

10U d-dielja kellha tliet friegħi, u malli rmiet, ħarġet iż-żahar tagħha u l-għenieqed tagħha saru għeneb.

11U kelli f'idejja l-koppa tal-Fargħun, qbadt l-għeneb, għasartu fil-koppa tal-Fargħun u newwilt il-koppa f'id il-Fargħun."

12U Ġużeppi qallu: "Din hi t-tifsira: it-tliet friegħi huma tlitt ijiem.

13Tlitt ijiem oħra, il-Fargħun jerfagħlek ġieħek u jreġġgħek lura f'postok, u int tagħti 'l Fargħun il-koppa f'idu skont id-drawwa ta' qabel, meta kont il-kuppier.


© 2020 Malta Bible Society.

14Imma int ftakar fija meta jkollok ir-risq u jkollok ħniena miegħi, u fakkar lill-
Fargħun fija ħa joħroġni minn din id-dar.

15Għax jien kont misruq minn art l-Għebrej, u lanqas hawn ma għamilt xi ħaġa
biex xeħtuni f'dan il-ħabs."

### Il-ħolma tal-pannettier

16U l-kap tal-pannettiera ra li t-tifsira kienet tajba u qal lil Ġużeppi: "Jien ukoll
kelli ħolma u kelli tlitt iqfief għaġin fuq rasi.

17U fil-qoffa ta' fuq kien hemm kull xorta ta' ikel moħmi għall-Fargħun; imma
kiluh l-għasafar mill-qoffa li kelli fuq rasi."

18U Ġużeppi wieġeb u qallu: "Din hi t-tifsira: it-tlitt iqfief huma tlitt ijiem.

19Tlitt ijiem oħra l-Fargħun ineħħilek rasek minn fuqek u jdendlek ma' siġra u l-
għasafar jiklulek laħmek minn fuqek."

20U ġara li fit-tielet jum, jum twelid il-Fargħun, dan għamel ikla għall-qaddejja
kollha tiegħu, u rafa' ġieħ il-kap tal-kuppieri u ġieħ il-kap tal-pannettiera f'nofs
il-qaddejja tiegħu.

21U raġa' qiegħed il-kap tal-kuppieri f'ras il-kuppieri, biex inewwel il-koppa f'id
il-Fargħun.

22Imma l-kap tal-pannettieri għallqu, kif kien fissrilhom Ġużeppi.

23U l-kap tal-kuppieri ma ftakarx f'Ġużeppi, u nsieh.

## Ġenesi 41

### Il-ħolm tal-Fargħun

1U ġara li wara sentejn sħaħ, ħolom il-Fargħun ukoll. Holom li kien qiegħed f'xatt
in-Nil,

2u telgħu min-Nil seba' baqriet sbieħ f'surithom u smien f'laħamhom u bdew
jirgħu fil-ħaxix.

3U mbagħad jara seba' baqriet oħra telgħin min-Nil warajhom; koroh f'surithom
u magħluba f'laħamhom. U waqfu ħdejn il-baqar l-oħra ħdejn xatt in-Nil.

4U l-baqar koroh f'surithom u magħluba f'laħamhom belgħu s-seba' baqriet
sbieħ f'surithom u smien f'laħamhom. Hawn il-Fargħun stenbaħ.

5Imbagħad raġa' raqad, u jara seba' sbuliet ħierġa minn fuq zokk wieħed, smien
u sbieħ.

6U jara seba' sbuliet oħra rqaq u maħruqin mir-riħ tal-Lvant.

7U s-sbuliet irqaq belgħu s-sbuliet is-smien u mimlija. U l-Fargħun stenbaħ.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[8]Filgħodu ħass ruħu mħasseb, u bagħat isejjaħ is-saħħara kollha tal-Eġittu u l-
għorrief kollha; u l-Fargħun qalilhom il-ħolm tiegħu, u ma kien hemm ħadd li
kellu l-ħila jfissru lill-Fargħun.

[9]U l-kap tal-kuppieri kellem lill-Fargħun u qallu: "Nistqarr illum il-ħtija tiegħi.

[10]Il-Fargħun kien saħan għall-qaddejja tiegħu u xeħithom il-ħabs fid-dar tal-kap
tal-koki, lili u lill-kap tal-pannettieri.

[11]U ħlomna ħolma billejl, jiena u hu, kull wieħed b'tifsira għalih.

[12]U magħna kien hemm żagħżugħ Għebrew, qaddej tal-kap tal-koki, u aħna
għednielu, u hu fissrilna l-ħolm tagħna, lil kull wieħed skont il-ħolma tiegħu.

[13]U ġara li seħħ kollox kif kien fissrilna hu: lili l-Fargħun qegħedni f'posti mill-
ġdid, u lil sieħbi għallqu."

[14]U l-Fargħun bagħat isejjaħ lil Ġużeppi u ħarġuh malajr mill-ħabs, qata' xagħru,
biddel ħwejġu u daħal quddiem il-Fargħun.

[15]U l-Fargħun qal lil Ġużeppi: "Jien ħlomt ħolma u ma hawnx min ifissirhieli. U
jien smajt bik, għax qaluli li biżżejjed tisma' ħolma biex tfissirha."

[16]U Ġużeppi wieġeb lill-Fargħun u qallu: "Mhux jien! Alla hu li jwieġeb b'risq il-
Fargħun."

[17]U l-Fargħun kellem lil Ġużeppi u qallu: "Stħajjiltni f'ħolma qiegħed f'xatt in-Nil.

[18]U, ara, rajt telgħin seba' baqriet smien f'laħamhom u sbieħ f'surithom u bdew
jirgħu l-ħaxix.

[19]Imbagħad rajt telgħin warajhom seba' baqriet dgħajfa, koroh wisq f'surithom
u magħluba f'laħamhom. Qatt ma rajt koroh bħalhom fl-art kollha tal-Eġittu.

[20]U l-baqar magħluba u koroh kielu s-seba' baqriet smien tal-ewwel.

[21]U dawn daħlu ġol-ġewwieni tagħhom, u ma kienx jidher li daħlu fihom, għax
dehrithom baqgħet kerha bħal qabel. U stenbaħt.

[22]Rajt ukoll fil-ħolm seba' sbuliet telgħin fuq zokk wieħed, mimlija u sbieħ.

[23]U ara, seba' sbuliet nixfin, irqaq u maħruqin mir-riħ tal-Lvant,

[24]u s-sbuliet nixfin belgħu s-sbuliet is-sbieħ. U jien kellimt lis-saħħara u ma kien
hemm ħadd li jaf jgħidli xejn."

[25]U Ġużeppi qal lill-Fargħun: "Kollu wieħed il-ħolm tal-Fargħun. Kulma se
jagħmel, Alla ħabbru lill-Fargħun.

[26]Is-seba' baqriet sbieħ huma seba' snin, u s-seba' sbuliet sbieħ huma seba' snin;
ħolma waħda din.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

27 U s-seba’ baqriet magħluba u koroh li telgħu warajhom huma seba’ snin; u s-
seba’ sbuliet nixfin u maħruqin mir-riħ tal-Lvant huma seba’ snin ta’ ġuħ.

28 Dan hu l-kliem li għedt lill-Fargħun: Kulma se jagħmel Alla, wrieh lill-Fargħun.

29 “Araw, ġejjin seba’ snin ta’ xaba’ kbir fl-art kollha tal-Eġittu.

30 U warajhom jiġu seba’ snin ta’ ġuħ, u jintesa x-xaba’ kollu fl-art tal-Eġittu, u l-
ġuħ itemm l-art.

31 U ħadd ma jintebaħ li qatt kien hemm ix-xaba’ fl-art, minħabba l-ġuħ li jaqa’
fuqha wara dan, għax tassew ikun qalil.

32 U dan li l-ħolma ttenniet għal darba tnejn ifisser li Alla diġà qatagħha, u
dalwaqt Alla jtemmha.

33 U issa l-Fargħun għandu jfittex bniedem dehni u għaqli, u jqiegħdu fuq l-art
tal-Eġittu.

34 Ħa jagħmel ukoll il-Fargħun suprintendenti fuq l-art, u jieħu minn ħamsa
waħda mill-prodotti tal-art tal-Eġittu.

35 Jiġbru l-ikel ta’ dawn is-snin tax-xaba’ li ġejjin, u jaħżnu fl-ibliet il-qamħ għall-
ikel taħt idejn il-Fargħun u jerfgħuh.

36 U jkun dan l-ikel u tkun din il-ħażna ta’ ikel għall-pajjiż fis-seba’ snin ta’ ġuħ li
se jaqgħu fuq l-art tal-Eġittu. Hekk il-pajjiż ma jinqeridx bil-ġuħ.”

### Ġużeppi gvernatur fuq l-Eġittu

37 Dan il-kliem għoġbu lill-Fargħun u l-qaddejja tiegħu.

38 U l-Fargħun qal lill-qaddejja tiegħu: “Nistgħu nsibu bniedem ieħor bħal dan li
għandu l-ispirtu ta’ Alla fih?”

39 U kompla jgħid lil Ġużeppi: “Wara li Alla wriek dan kollu ma hawnx bniedem
ta’ dehen daqsek.

40 Int tkun fuq id-dar tiegħi u fuq il-poplu tiegħi kollu; fit-tron biss inkun jien
akbar minnek.”

41 U l-Fargħun issokta jgħid lil Ġużeppi: “Ara, jien se nqiegħdek fuq l-art kollha
tal-Eġittu.”

42 U l-Fargħun qala’ s-siġill minn idu, u qiegħdu f’id Ġużeppi, u libbsu lbies tal-
għażel fin, u qegħedlu madwar għonqu kullana tad-deheb.

43 U rikkbu fuq it-tieni karru li kellu, u bdew jgħajtu quddiemu: “Abrek!” U hekk
qiegħdu fuq l-art kollha tal-Eġittu.

44 U l-Fargħun qal lil Ġużeppi: “Jiena l-Fargħun, imma mingħajrek ħadd ma jerfa’
idu jew riġlu fl-art kollha tal-Eġittu.”


© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

45 U l-Fargħun semma ’l Ġużeppi Safenat-panija; u żewġu lil Asenat, bint Putifera,
qassis ta’ On, u Ġużeppi ħareġ idur l-art tal-Eġittu.

### Is-seħħ tal-ħolm

46 U Ġużeppi kellu tletin sena meta deher quddiem il-Fargħun, sultan tal-Eġittu;
u ħareġ minn quddiem il-Fargħun u mar idur l-art kollha tal-Eġittu.

47 U matul is-seba’ snin tax-xaba’, li laħqu l-art tal-Eġittu, l-art għamlet frott bil-
kotra.

48 U ġabar Ġużeppi l-ikel kollu tas-seba’ snin tax-xaba’ li ġew fuq l-Eġittu u ħażen
dan l-ikel fl-ibliet, jiġifieri f’kull belt il-frott tar-raba’ ta’ madwarha.

49 U Ġużeppi ġabar qamħ daqs ir-ramel tal-baħar, b’kotra hekk kbira li għeja
jkejlu, għax kien bla qjies.

50 U ’l Ġużeppi tweldulu żewġ ulied qabel ma waslet is-sena tal-ġuħ; wildithomlu
Asenat, bint Putifera, qassis ta’ On.

51 U Ġużeppi semma l-kbir Manassi, għax qal: “Alla nessieni l-għawġ kollu tiegħi
u d-dar kollha ta’ missieri.”

52 U t-tieni semmieh Efrajm, għax qal: “Alla tani li nnissel f’art in-niket tiegħi.”

53 U ntemmu s-seba’ snin tax-xaba’ li kienu ġew fuq l-Eġittu.

54 U laħqu s-seba’ snin tal-ġuħ, bħalma kien qal Ġużeppi; u kien hemm il-ġuħ fl-
artijiet kollha, imma fl-art kollha tal-Eġittu kien hemm il-ħobż.

55 Imbagħad ġie l-ġuħ fuq l-art kollha tal-Eġittu, u l-poplu beda jgħajjat lill-
Fargħun għall-ħobż. U l-Fargħun beda jgħid lin-nies kollha tal-Eġittu: “Morru
għand Ġużeppi, u agħmlu li jgħidilkom.”

56 U kien hemm il-ġuħ fuq wiċċ l-art kollha; u Ġużeppi fetaħ l-imħażen kollha u
beda jbigħ lin-nies tal-Eġittu; u l-ġuħ baqa’ jagħfas fuq l-art tal-Eġittu.

57 U kienu jiġu l-Eġittu minn kull pajjiż għand Ġużeppi biex jixtru l-qamħ; għax il-
ġuħ kien jagħfas fuq kull art.

## Ġenesi 42

### Ħut Ġużeppi fl-Eġittu

1 Ġakobb ra li kien hemm il-qamħ fl-Eġittu, u qal lil uliedu: “X’intom tħarsu lejn
xulxin?”

2 U ssokta jgħid: “Jiena smajt li hemm il-qamħ fl-Eġittu. Inżlu hemm u ixtru l-
qamħ għalina minn hemm, biex ngħixu u ma mmutux.”

3 U niżlu l-Eġittu għaxra minn ħut Ġużeppi jixtru l-qamħ.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

4 Imma Benjamin, ħu Ġużeppi, Ġakobb ma bagħtux ma' ħutu, għax qal: "Li ma jmurx jiġrilu bħal Ġużeppi."

5 U waslu wlied Iżrael biex jixtru l-qamħ flimkien ma' oħrajn li kienu ġew ukoll, għax kien hemm il-ġuħ f'art Kangħan.

6 Ġużeppi kien il-gvernatur fuq il-pajjiż; hu li kien ibigħ lin-nies kollha tal-art. U waslu ħut Ġużeppi u nxteħtu wiċċhom fl-art quddiemu.

7 U Ġużeppi ra lil ħutu u għarafhom, iżda ġieb ruħu magħhom ta' barrani, u kellimhom iebes u qalilhom: "Minn fejn ġejjin?" U huma weġbuh: "Mill-art ta' Kangħan, biex nixtru l-ikel."

8 U Ġużeppi kien għaraf lil ħutu, imma huma ma għarfuhx.

9 U ftakar Ġużeppi fil-ħolm li kien ħolom dwarhom u qalilhom: "Intom spjuni! Ġejtu hawn biex titkixxfu d-dgħufija tal-art."

10 U huma weġbuh: "Le, sidi, il-qaddejja tiegħek ġew jixtru l-ikel.

11 Aħna lkoll ulied bniedem wieħed. Aħna nies sewwa. M'aħniex spjuni."

12 U hu qalilhom: "Le! Titkixxfu d-dgħufija tal-art ġejtu!"

13 U huma weġbuh: "Aħna l-qaddejja tiegħek tnax-il aħwa, ulied bniedem wieħed fl-art ta' Kangħan. Iż-żgħir illum qiegħed ma' missierna, u l-ieħor ma għadux magħna."

14 Ġużeppi qalilhom: "Għedtilkom jien: intom spjuni.

15 B'dan inġarrabkom: daqs kemm hu ħaj il-Fargħun, ma toħorġux minn hawn qabel ma jiġi hawn ħukom iż-żgħir.

16 Ibagħtu lil xi wieħed minnkom iġib lil ħukom, u intom tibqgħu l-ħabs, biex jien inġarrab kliemkom jekk intomx fis-sewwa. Jekk le, daqs kemm hu ħaj il-Fargħun, intom spjuni."

17 U ġabarhom il-ħabs għal tlitt ijiem.

18 U fit-tielet jum Ġużeppi qalilhom: "Agħmlu dan u tgħixu, għax jien nibża' minn Alla.

19 Jekk intom nies sewwa, wieħed minnkom jibqa' magħluq fil-ħabs tagħkom, u intom morru ħudu l-qamħ għall-ġuħ f'darkom.

20 U ġibuli 'l ħukom iż-żgħir, imbagħad nemmen kliemkom u ma tmutux." U hekk għamlu.

21 U bdew jgħidu lil xulxin: "Tassew aħna ħatja kontra ħuna, għax aħna rajna d-diqa ta' qalbu; u hu u jitlobna l-ħniena ma tajniehx widen. Għalhekk ġie fuqna dan l-għawġ."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

22U qabeż Ruben u qalilhom: "Ma kontx għedtilkom jiena: 'la tagħmlux ħsara lit-
tifel' u intom ma tajtux widen? U issa demmu jrid jitħallas minna."

23U huma ma ntebħux li Ġużeppi kien qiegħed jifhimhom, għax bejniethom kien
hemm l-interpretu.

24U hu tbiegħed minnhom u beka. Imbagħad ġie lura ħdejhom u kellimhom, u ħa
'l Simgħon minn fosthom u rabtu taħt għajnejhom.

25U Ġużeppi ordna li jimlewlhom l-ixkejjer tagħhom bil-qamħ u li jqiegħdu l-
bċejjeċ tal-fidda ta' kull wieħed fl-ixkora tiegħu, u li jagħtuhom ikel għat-triq. U
għamlulhom hekk.

26U għabbew il-qamħ fuq il-ħmir tagħhom u telqu minn hemm.

27U wieħed minnhom fetaħ l-ixkora tiegħu fil-lukanda biex jagħlef il-ħmar
tiegħu, u ra li flusu kienu f'wiċċ l-ixkora tiegħu.

28U qal lil ħutu: "Tawni lura flusi, u hawn huma f'wiċċ l-ixkora tiegħi." U ħarġet
ruħhom, u b'rogħda fuqhom bdew jgħidu lil xulxin: "X'inhu dan li għamlilna
Alla?"

29U waslu għand missierhom Ġakobb fl-art ta' Kangħan u għarrfuh b'kulma
ġralhom u qalulu:

30"Dak ir-raġel, is-sid tal-art, kellimna iebes u ħadna bi spjuni tal-pajjiż;

31u aħna għednielu li aħna nies sewwa, u m'aħniex spjuni.

32Aħna tnax-il aħwa, ulied missier wieħed: wieħed ma għadux magħna u ż-żgħir
illum qiegħed ma' missierna f'Kangħan.

33U r-raġel sid l-art qalilna: 'Minn dan inkun naf jekk intomx nies sewwa: ħallu
hawn miegħi 'l wieħed minn ħutkom, ħudu l-qamħ għall-ġuħ f'darkom u morru.

34U ġibuli hawn 'il ħukom iż-żgħir, u jien inkun naf li m'intomx spjuni, imma nies
sewwa; imbagħad jiena rroddilkom 'il ħukom lura u intom tkunu tistgħu
tiġġerrew mal-art kollha.' "

35Ġara li meta bdew ibattlu l-ixkejjer tagħhom, kull wieħed ra l-borża ta' flusu fl-
ixkora tiegħu; raw il-boroż ta' flushom u beżgħu, huma u missierhom.

36U Ġakobb missierhom qalilhom: "Ġibtuni bla tfal! Ġużeppi ma għadux iżjed;
Simgħon ma għadux iżjed, u issa tridu teħduli lil Benjamin. Kellu jiġrili dan
kollu!"

37U Ruben kellem lil missieru u qallu: "Oqtolli liż-żewġ uliedi jekk ma nġibhulekx
lura. Erħih f'idejja u jiena nġibhulek lura."

38U hu wieġbu: "Ibni ma jinżilx magħkom; għax ħuh miet u hu baqa' waħdu. U
jekk jiġrilu xi għawġ fit-triq, li sejrin fiha, tniżżluli xjuħiti bil-għali fil-qabar."


© 2020 Malta Bible Society.

# Ġenesi 43

### Ħut Ġużeppi għat-tieni darba fl-Eġittu

1Il-ġuħ baqa' jagħfas fuq l-art.

2U meta temmu jieklu l-qamħ li kienu ġiebu mill-Eġittu, missierhom qalilhom: "Erġgħu morru ixtrulna ftit qamħ."

3U Ġuda wieġbu u qallu: "Dak ir-raġel widdibna bis-sħiħ u qalilna: 'Ma tarawx wiċċi jekk ma jkollkomx lil ħukom magħkom.'

4Mela, jekk jogħġbok tibgħat lil ħuna magħna, immorru u nixtrulek il-qamħ;

5imma jekk ma jogħġbokx, ma ninżlux. Għax dak ir-raġel qalilna: 'Ma tarawx wiċċi jekk ma jkollkomx lil ħukom magħkom.' "

6U Iżrael qalilhom: "Għala għamiltuli din il-ħsara, li mortu tgħidu lil dak ir-raġel li kien għad baqgħalkom ħukom?"

7U huma weġbuh: "Dak ir-raġel staqsiena fuq li staqsiena fuqna u fuq il-familji tagħna u qalilna: 'Għadux ħaj missierkom? Għandkomx xi ħukom ieħor?' U aħna weġibnieh skont dan il-kliem. Fejn konna nafu li kien sa jgħidilna: 'Niżżlu magħkom lil ħukom'?"

8U Ġuda ssokta jgħid lil Iżrael missieru: "Ibgħat liż-żagħżugħ miegħi, ħa naqbdu u nitilqu, u jkollna biex ngħixu u ma mmutux, sew aħna u inti, u sew it-tfal tagħna.

9Nagħmel tajjeb jien għalih; fittex lili għalih. Jekk jien ma nġibhulekx, u ma nqegħedhulekx quddiemek, jien inkun ħati kontrik għal għomri kollu.

10Għax kieku ma qgħadniex nitnikkru, kieku s'issa rġajna morna hemmhekk darbtejn."

11U Iżrael missierhom weġibhom: "Jekk inhu hekk, tajjeb, agħmlu hekk: ħudu magħkom mill-aħjar ġid ta' din l-art fil-ħoroġ tagħkom u ħudu rigal lil dak ir-raġel; xi ftit balzmu, xi ftit għasel, dragant u lawdnu, pistaċċi u lewż.

12Flus magħkom ħudu d-doppju u ħudu wkoll il-flus li kienu raddewlkom f'wiċċ l-ixkejjer, li ma kienx hemm xi żball.

13U 'l ħukom ħuduh magħkom ukoll. Aqbdu u morru lura għand dak ir-raġel.

14U El-Xaddaj jagħmel li ssibu ħniena quddiem dak ir-raġel, u jagħtikom lura lil ħukom l-ieħor u 'l Benjamin; u jien, jekk għandi niċċaħħad minn uliedi, ħa niċċaħħad!"

15U huma ħadu f'idejhom dawn ir-rigali, u flus ħadu għal darba tnejn, u 'l Benjamin; u qabdu u niżlu lejn l-Eġittu, u daħlu quddiem Ġużeppi.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

16U malli Ġużeppi ra lil Benjamin magħhom, qal lil dak li kien jieħu ħsieb daru: "Ġib lil dawk l-irġiel id-dar, u oqtol xi bhima, u lesti kollox, għax dawk l-irġiel illum jieklu miegħi f'nofsinhar."

17U dak ir-raġel għamel skont ma qallu Ġużeppi u daħħal lil dawn l-irġiel f'dar Ġużeppi.

18U huma beżgħu għax daħħluhom f'dar Ġużeppi, u qalu: "Minħabba l-biċċa tal-flus li reġġgħulna fl-ixkejjer tagħna l-ewwel darba daħħluna hawn, biex jaħbtu għalina u jinxteħtu fuqna, u jeħduna lsiera, u jaqbdu l-ħmir tagħna."

19U resqu fuq dak li kien jieħu ħsieb id-dar ta' Ġużeppi u kellmuh f'bieb id-dar,

20u qalulu: "Jekk jogħġbok, sidna: Aħna nżilna l-ewwel darba nixtru l-qamħ,

21u meta konna wasalna fil-lukanda ftaħna l-ixkejjer tagħna, u hemm sibna l-flus, kull wieħed f'wiċċ l-ixkora tiegħu, sewwasew flusna skont ma jiżnu, u issa ġibniehom lura magħna.

22U ġibna wkoll flus oħra magħna biex nixtru l-qamħ. Ma nafux min qiegħed il-flus tagħna fl-ixkejjer tagħna."

23U hu weġibhom: "Is-sliem għalikom. La tibżgħux! Alla tagħkom u Alla ta' missirijietkom takom teżor moħbi fl-ixkejjer tagħkom; fluskom diġà waslu għandi." U ħarġilhom lil Simgħon.

### L-aħwa l-mistiedna ta' Ġużeppi

24Imbagħad dak ir-raġel daħħal 'il dawk l-irġiel f'dar Ġużeppi; tahom l-ilma u ħaslu riġlejhom; u tahom ukoll l-għalf għall-ħmir tagħhom.

25U lestew ir-rigali għal meta jasal Ġużeppi f'nofsinhar, għax semgħu li kellhom jieklu hemm.

26U Ġużeppi daħal id-dar, u huma ġibulu r-rigali li kellhom f'idejhom id-dar u nxteħtu wiċċhom fl-art quddiemu.

27U hu sellmilhom u staqsiehom: "Kif inhu x-xwejjaħ missierkom li semmejtu, għadu ħaj?"

28U huma weġbuh: "Qawwi u sħiħ il-qaddej tiegħek missierna, għadu ħaj." U niżlu għarkupptejhom u nxteħtu wiċċhom fl-art quddiemu.

29U rafa' għajnejh, u ra lil Benjamin ħuh, bin ommu, u staqsiehom: "Dan ħukom iż-żgħir li intom għedtuli?" U żied jgħid: "Alla jħenn għalik, ibni!"

30U Ġużeppi ħass ġewwenih jitqanqlu għal ħuh, ħass li għandu jibki, u daħal jgħaġġel fil-kamra tiegħu, u beka hemm.

31Imbagħad ħasel wiċċu u ħareġ, żamm kemm felaħ u qal: "Ġibu l-ikel!"


© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

32 U ġibulu għalih waħdu, u lilhom għalihom weħidhom, u lill-Eġizzjani, li jieklu miegħu, għalihom weħidhom ukoll - għaliex l-Eġizzjani ma jistgħux jieklu mal-Għebrej, għax ikun għajb għall-Eġizzjani.

33 U qagħdu bilqiegħda quddiemu, wieħed wara l-ieħor, il-kbir l-ewwel u ż-żgħir l-aħħar, skont ma kellhom snin, u l-aħwa bdew iħarsu mistagħġba lejn xulxin.

34 U refgħulhom ishma minn quddiemu, u s-sehem ta' Benjamin kien ħames darbiet iktar mis-sehem ta' ħutu kollha. U xorbu u ferħu miegħu.

## Ġenesi 44

### Prova oħra

1 U Ġużeppi ordna 'l dak li kien jieħu ħsieb daru u qallu: "Imla l-ixkejjer ta' dawn l-irġiel b'kemm jesgħu qamħ u qiegħed il-flus ta' kull wieħed fl-ixkora tiegħu.

2 U qiegħed il-koppa tiegħi, il-koppa tal-fidda, f'wiċċ l-ixkora taż-żgħir flimkien mal-flus tal-qamħ tiegħu." U dak għamel skont ma qallu Ġużeppi.

3 Mas-sebħ filgħodu l-irġiel bagħtuhom, lilhom u l-ħmir magħhom.

4 Harġu mill-belt; u, bla ma kienu għadhom tbiegħdu wisq, Ġużeppi sejjaħ lil dak li kien jieħu ħsieb daru u qallu: "Qum u mur iġri għal wara dawk l-irġiel, u meta tilħaqhom għidilhom: 'Għala ħallastu l-ġid bid-deni? Għaliex sraqtuli l-koppa tal-fidda?

5 Mhux minnha jixrob sidi, u biha jeħber? Ħażin għamiltu meta għamiltu dan.' "

6 U laħaqhom u qalilhom dan il-kliem.

7 U huma weġbuh: "Għala sidi qiegħed jitkellem hekk? Ma jkun qatt li l-qaddejja tiegħek jagħmlu xi ħaġa bħal din.

8 Hawn huma l-flus li konna sibna f'wiċċ l-ixkejjer tagħna, ġibnihomlok mill-art ta' Kangħan, u se mmorru issa nisirqu minn dar sidek fidda jew deheb?

9 Għand min mill-qaddejja tiegħek tinstab, tingħatalu l-mewt, u aħna nsiru l-ilsiera ta' sidi."

10 U hu wieġeb: "Mela minn issa stess isir kif għedtu. Għand min tinstab jaqa' lsir tiegħi, u intom tkunu ħielsa."

11 U malajr niżżel fl-art kull wieħed l-ixkora tiegħu, u kull wieħed fetaħ l-ixkora tiegħu.

12 U dak beda jfittex, beda mill-kbir u spiċċa fiż-żgħir, u l-koppa nstabet fl-ixkora ta' Benjamin.

13 U huma ċarrtu lbieshom, u għabbew mill-ġdid kull wieħed il-ħmar tiegħu, u reġgħu lura lejn il-belt.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[14]Ġuda u ħutu waslu fid-dar ta' Ġużeppi u hu kien għadu hemm, u huma nxteħtu wiċċhom fl-art quddiemu.

[15]U Ġużeppi qalilhom: "X'għemil hu dan tagħkom? Ma kontux tafu li bniedem bħali għandu l-ħila jeħber?"

[16]U Ġuda wieġbu: "X'naqbdu ngħidu lil sidi? Kif se nitkellmu u kif se niġġustifikaw irwieħna? Alla kixef il-ħtija tal-qaddejja tiegħek. Hawn aħna l-ilsiera ta' sidi, aħna lkoll u dak li nstabet il-koppa għandu."

[17]U wieġeb Ġużeppi: "Ma jkun qatt minni li nagħmel dan. Il-bniedem li għandu nstabet il-koppa, hu jkun l-ilsir tiegħi, u intom morru bis-sliem għand missierkom."

[18]U resaq lejh Ġuda u qallu: "Iddew sidi, ħa jitkellem il-qaddej tiegħek u jgħid kelma f'widnejn sidi! La tagħdabx għall-qaddej tiegħek, għax int bħall-Fargħun.

[19]Sidi kellem lill-qaddejja tiegħu u staqsiehom: 'għandkomx missier jew ħu?'

[20]U aħna weġibna lil sidi: 'Għandna missier xiħ u tifel żgħir, bin xjuħitu. Huh miet u minn ta' ommu baqa' hu waħdu; u missieru jħobbu.'

[21]U int għedt lill-qaddejja tiegħek: 'Niżżluhuli hawn ħa nixħet għajnejja fuqu.'

[22]U aħna għedna lil sidi: 'Ma jistax iż-żagħżugħ iħalli lil missieru; jekk jitilqu, missieru jmut.'

[23]U int għedt lill-qaddejja tiegħek: "Jekk ħukom iż-żgħir ma jinżilx magħkom, ma tarawx iżjed wiċċi.'

[24]U ġara li meta tlajna għand missieri, il-qaddej tiegħek, ħabbarnielu kliem sidi.

[25]Meta mbagħad qalilna: 'Erġgħu morru u ixtru ftit qamħ,'

[26]aħna għednielu: 'Ma nistgħux ninżlu hemm. Jekk ikollna magħna ħuna ż-żgħir, ninżlu; għax ma nistgħux naraw wiċċ dak ir-raġel, jekk ħuna ż-żgħir ma jkunx magħna.'

[27]U l-qaddej tiegħek missieri qalilna: 'Intom tafu li tnejn welditli marti.

[28]U wieħed telaq minn ħdejja u jien għedt: Qattgħuh, qattgħuh bċejjeċ! u s'issa ma rajtux iżjed.

[29]U jekk issa teħduli lil dan ukoll minn quddiem wiċċi, u tiġrilu xi ħsara, intom tniżżluli xjuħiti fil-qabar bl-għali.'

[30]U issa malli nasal għand il-qaddej tiegħek missieri, u ż-żagħżugħ ma jkunx magħna, la darba ħajtu marbuta ma' ħajjet it-tifel,

[31]jiġri li malli jintebaħ li ż-żagħżugħ mhux magħna, żgur li jmut, u jkunu niżżlu l-qaddejja tiegħek ix-xjuħija tal-qaddej tiegħek missierna fil-qabar bil-għali.


© 2020 Malta Bible Society.

32U l-qaddej tiegħek għamel tajjeb għaż-żagħżugħ quddiem missieri u qal: 'Jekk ma nġibhulekx, inkun ħati quddiem missieri għomri kollu.'

33U issa ħa joqgħod il-qaddej tiegħek flok iż-żagħżugħ b'ilsir ta' sidi, u hekk iż-żagħżugħ jitla' ma' ħutu.

34Għax x'wiċċ għandi nitla' għand missieri u ż-żagħżugħ ma jkunx miegħi? Jalla ma narax jien l-għali li jista' jilħaq lil missieri!"

## Ġenesi 45

### Ġużeppi jurihom min hu

1U Ġużeppi ma felaħx iżomm iżjed quddiem dawk li kienu madwaru, u għajjat: "Oħorġu 'l kulħadd minn quddiemi." U ma kien hemm ħadd ħdejh, meta Ġużeppi wera ruħu lil ħutu.

2U hu għajjat u beka. U semgħuh l-Eġizzjani u semgħuh ukoll in-nies kollha ta' dar il-Fargħun.

3U Ġużeppi qal lil ħutu: "Jiena Ġużeppi! Għadu ħaj missieri?" U ħutu ma felħux iweġbuh, għax baqgħu miblugħin quddiemu.

4U Ġużeppi qal lil ħutu: "Ersqu lejja," u huma resqu lejh u hu qalilhom: "Jiena Ġużeppi, ħukom li intom begħtuni għall-Eġittu.

5U issa la tagħlux u la tinkeddux għax begħtuni għal hawn, għax biex tibqgħu ħajjin intom Alla bagħatni hawn qabilkom.

6Sentejn ilu jaħkem il-ġuħ fuq l-art, u għad fadal ħames snin oħra, u ma jkunx hemm u la ħrit u lanqas ħsad.

7U Alla bagħatni qabilkom biex inħallilkom fdal fuq l-art, u jżomm ħaj bikom kotra kbira ta' meħlusin.

8Mela, mhux intom bgħattuni hawn, imma Alla, u hu għamel minni missier il-Fargħun, sid daru kollha, u gvernatur fuq l-art kollha tal-Eġittu.

9Fittxu itilgħu għand missieri, u għidulu: 'Dan jgħid ibnek Ġużeppi: 'Alla għamilni sid fuq l-Eġittu kollu. Inżel ħdejja, u la titnikkirx.

10U tgħammar f'art Gosen u tkun qribi, int u wliedek, u wlied uliedek bl-imrieħel u l-baqar tiegħek u b'kulma għandek.

11U hekk jien naħsiblek għal kollox, għax għad fadal ħames snin oħra ta' ġuħ, biex ma tiftaqarx int, darek u kulma għandek.'

12Araw, qegħdin jaraw għajnejkom u għajnejn Benjamin, li fommi qiegħed ikellimkom.


© 2020 Malta Bible Society.

13U għarrfu lil missieri bil-kobor tiegħi fl-Eġittu u b’kulma rajtu, u fittxu niżżlu lil missieri hawnhekk.’ ”

14U nxteħet fuq għonq Benjamin u beka; u beka Benjamin mgħannaq miegħu.

15Bies lil ħutu kollha, u beka fuqhom. U wara dan kollu ħutu bdew jitkellmu miegħu.

16U nstemgħet l-aħbar f’dar il-Fargħun u bdew jgħidu: “Ġew ħut Ġużeppi.” U ferħu l-Fargħun u n-nies ta’ madwaru.

17U l-Fargħun qal lil Ġużeppi: “Għid lil ħutek: ‘Agħmlu hekk: għabbu l-bhejjem tagħkom, u itilqu u morru fl-art ta’ Kangħan.

18U aqbdu lil missierkom u lil djarkom u ejjew ħdejja, u jien nagħtikom il-ġid tal-art tal-Eġittu u intom tieklu mill-aħjar frott tal-art.’

19U int ordnalhom ukoll: ‘Dan agħmlu: ħudu magħkom mill-art tal-Eġittu karrijiet għat-tfal u n-nisa tagħkom, u ġibu ’l missierkom u ejjew.

20U la tagħlux għal ħwejjiġkom, għax il-ġid tal-Eġittu kollu huwa tagħkom.’ ”

21U wlied Iżrael għamlu hekk. U Ġużeppi tahom karrijiet, skont l-ordni tal-Fargħun, u ikel għat-triq.

22Tahom ukoll tibdila ħwejjeġ għal kull wieħed, imma lil Benjamin tah tliet mitt biċċa tal-fidda u ħames tibdiliet ħwejjeġ.

23U lil missieru bagħatlu dawn il-ħwejjeġ: għaxart iħmir mgħobbija bil-ġid tal-Eġittu, u għaxart iħmir mgħobbija bil-qamħ, ħobż u ikel għat-triq.

24Imbagħad bagħat lil ħutu, u huma u sejrin qalilhom: “Issa toqogħdux titlewmu fit-triq.”

25Hekk telgħu mill-Eġittu, u ġew f’art Kangħan għand Ġakobb missierhom.

26U tawh l-aħbar u qalulu: “Ġużeppi għadu ħaj! Saħansitra hu l-kmand tal-art kollha tal-Eġittu!” Imma qalbu baqgħet bierda, għax ma emminhomx.

27U qalulu kulma kien qalilhom Ġużeppi, u meta ra l-karrijiet kollha li kien bagħat Ġużeppi biex irikkbuh fuqhom, ħa r-ruħ Ġakobb missierhom.

28U Iżrael qal: “Biżżejjed! Ibni Ġużeppi għadu ħaj! Ha mmur narah qabel ma mmut!”

# Ġenesi 46

### Ġakobb imur l-Eġittu

1U Iżrael telaq b’kulma kellu u ġie Birsaba, u hemm offra sagrifiċċji lil Alla ta’ missieru Iżakk.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

2U Alla kellem lil Iżrael f'dehra billejl u qallu: "Ġakobb, Ġakobb," u hu wieġeb: "Hawn jien!"

3U wieġbu: "Jiena Alla, Alla ta' missierek. La tibżax tinżel l-Eġittu, għax hemm għad nagħmlek ġens kbir.

4Jien ninżel miegħek l-Eġittu, u jien għad intellgħek minn hemm, u id Ġużeppi għad tagħlaqlek għajnejk."

5U Ġakobb telaq minn Birsaba; u wlied Iżrael rikkbu lil Ġakobb missierhom, u ż-żgħar tagħhom, u n-nisa tagħhom fuq il-karrijiet li kien bagħtilhom il-Fargħun biex iġorruh.

6U ħadu magħhom l-imrieħel u l-ġid li rnexxielhom iħasslu fl-art ta' Kangħan, u waslu l-Eġittu, Ġakobb u miegħu n-nisel kollu tiegħu:

7uliedu u wlied uliedu miegħu, bnietu u bniet uliedu, u nislu kollu ġieb miegħu l-Eġittu.

**In-nisel ta' Ġakobb**

8U dawn huma l-ismijiet ta' wlied Iżrael, li ġew l-Eġittu, Ġakobb u wliedu: Il-kbir ta' Ġakobb, Ruben,

9u wlied Ruben: Hanok, Pallu, Hesron u Karmi.

10Ulied Simgħon: Ġemuwel, Ġamin, Oħad, Ġakin, Soħar, Sawl bin il-Kangħanija.

11Ulied Levi: Gersun, Keħat u Merari.

12Ulied Ġuda: Għer, Onan, Sela, Pereż, Żeraħ (Għer u Onan kienu mietu fl-art ta' Kangħan). Ulied Pereż kienu Hesron u Hamul.

13Ulied Issakar: Tola, Puwa, Ġob u Simron.

14Ulied Żebulun: Sered, Elon, u Ġaħlijel.

15Dawn kienu wlied Lija, li wildet lil Ġakobb f'Fiddien-aram, u bintu Dina. B'kollox uliedu, subien u bniet, kienu tlieta u tletin.

16U wlied Gad: Sifijun, Haggi, Suni, Esbon, Għeri, Arodi u Areli.

17Ulied Aser: Imna, Iswa, Iswi, Berigħa, u oħthom Xeraħ. Ulied Berigħa kienu: Heber u Malkijel.

18Dawn kienu wlied Żilfa, li Laban kien ta lil bintu Lija; hi wildet lil dawn lil Ġakobb, sittax-il ruħ.

19Ulied Rakel, mart Ġakobb: Ġużeppi u Benjamin.

20Lil Ġużeppi tweldulu tfal fl-art tal-Eġittu, wildithomlu Asenat, bint Putifera, il-qassis ta' On, u kienu Manassi u Efrajm.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

21Ulied Benjamin: Bela, Beker, Asbel, Gera, Nagħman, Eħi, Ros, Muffim, Ħuffim u Ard.

22Dawn ulied Rakel, li twieldu lil Ġakobb, b'kollox erbatax-il ruħ.

23Ulied Dan: Ħusin.

24Ulied Naftali: Ġaħsel, Guni, Ġeser u Sillem.

25Dawn huma wlied Bilħa, li Laban kien ta lil bintu Rakel, li b'kollox wildet lil Ġakobb seba' wlied.

26Dawk kollha li marru l-Eġittu ma' Ġakobb, li ħarġu minn ġewwenih, minbarra n-nisa ta' wlied Ġakobb, b'kollox sitta u sittin ruħ.

27Ulied Ġużeppi li twildulu l-Eġittu kienu tnejn. B'kollox nies Ġakobb, li ġew l-Eġittu, kienu sebgħin ruħ.

### Ulied Iżrael fl-Eġittu

28U Ġakobb bagħat lil Ġuda qablu għand Ġużeppi, biex jiltaqa' miegħu f'Gosen; u huma ġew fl-art ta' Gosen.

29U Ġużeppi rama l-karru tiegħu u mar jiltaqa' ma' Iżrael, missieru, f'Gosen. Malli deher quddiemu nxteħet fuq għonqu u baqa' għal ħafna żmien mgħannaq miegħu u jibki.

30U Iżrael qal lil Ġużeppi: "Ħa mmut issa li rajt 'il wiċċek, issa li naf li għadek ħaj."

31U Ġużeppi qal lil ħutu u lid-dar ta' missieru: "Ħa mmur u nagħti l-aħbar lill-Fargħun, u ngħidlu, 'Ħuti u dar missieri, li kien fl-art ta' Kangħan, ġew għandi.

32Dawn in-nies huma rgħajja, għax huma nies tal-imrieħel, u ġiebu magħhom l-imrieħel u l-baqar tagħhom, u kulma għandhom.'

33U meta l-Fargħun isejħilkom u jistaqsikom x'tagħmlu,

34għidulu: 'Nies tal-imrieħel il-qaddejja tiegħek minn ċkunitna s'issa, aħna u missirijietna,' biex tibqgħu tgħammru fl-art ta' Gosen, għax l-Eġizzjani jistmerru r-rgħajja kollha tal-imrieħel."

## Ġenesi 47

1U Ġużeppi mar jagħti l-aħbar lill-Fargħun u qallu: "Missieri u ħuti ġew mill-art ta' Kangħan bl-imrieħel u bil-baqar tagħhom u b'kulma għandhom: ġew mill-art ta' Kangħan, u hawn huma fl-art ta' Gosen."

2U qabad ħamsa minn ħutu u ressaqhom quddiem il-Fargħun.

3U l-Fargħun staqsa lill-aħwa: "X'tagħmlu?" U huma wieġbu lill-Fargħun: "Rgħajja tal-imrieħel il-qaddejja tiegħek, sew aħna sew missirijietna."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

4U ssuktaw jgħidu lill-Fargħun: "Aħna ġejna ngħammru f'din l-art, għax ma hemmx mergħa għall-imrieħel tal-qaddejja tiegħek, għax għafas il-ġuħ fuq l-art ta' Kangħan, u issa ħa jgħammru l-qaddejja tiegħek fl-art ta' Gosen."

5U l-Fargħun kellem lil Ġużeppi u qallu: "Missierek u ħutek ġew għandek.

6L-art tal-Eġittu quddiemek, qiegħed lil missierek u 'l ħutek fl-aħjar naħa tal-pajjiż, ħa jgħammru fl-art ta' Gosen, u jekk taf b'xi nies ta' ħila fosthom, agħmilhom kapijiet tal-imrieħel tiegħi."

7U Ġużeppi ħa 'l missieru, u ressqu quddiem il-Fargħun, u bierek Ġakobb lill-Fargħun.

8U l-Fargħun staqsa lil Ġakobb: "Xi kemm jgħoddu sninek?"

9U Ġakobb wieġeb lill-Fargħun: "L-għadd ta' snin li ilni niġġerra huwa ta' mija u tletin sena. Ftit u ħżiena kienu jiemi u snin ħajti; u għad ma laħqux il-jiem u s-snin ta' ħajjet missirijieti kemm damu jiġġerrew."

10U Ġakobb bierek lill-Fargħun u ħareġ minn quddiem il-Fargħun.

11U Ġużeppi qiegħed lil missieru u lil ħutu, u tahom oqsma fl-art tal-Eġittu, fl-aħjar tal-pajjiż, fl-art ta' Ragħmses, kif kien ordna l-Fargħun.

12U Ġużeppi kien jagħti l-ikel lil missieru u lil ħutu u d-dar kollha ta' missieru, skont l-għadd tat-tfal.

### L-amministrazzjoni ta' Ġużeppi

13U ma kienx hemm ħobż fl-art kollha, għax il-ġuħ kien qiegħed jagħfas sewwa; u l-art tal-Eġittu u l-art ta' Kangħan kienu għoddhom intemmu bil-ġuħ.

14U Ġużeppi ġabar il-flus kollha li kienu jinsabu fl-Eġittu u fl-art ta' Kangħan għall-qamħ kollu li kienu jixtru, u ġiebhom fid-dar tal-Fargħun.

15U ntemmu l-flus mill-art tal-Eġittu u mill-art ta' Kangħan, u n-nies kollha tal-Eġittu kienu jmorru għand Ġużeppi u jgħidulu: "Agħtina l-ħobż! Għala għandna mmutu quddiemek, la darba l-flus spiċċaw!"

16U Ġużeppi kien iwieġeb: "Jekk fluskom spiċċawlkom ġibu l-imrieħel tagħkom, u nagħtikom fuqhom."

17U huma ġiebu l-imrieħel għand Ġużeppi, u hu kien jagħtihom il-ħobż flok iż-żwiemel u l-imrieħel tan-nagħaġ, u flok l-imrieħel tal-baqar u l-ħmir, u b'hekk f'dik is-sena qassmilhom il-ħobż b'kemm kienu jiswew il-bhejjem tagħhom kollha.

18U ntemmet l-ewwel sena u reġgħu ġew għandu t-tieni sena u qalulu: "Ma nistgħux naħbu lil sidi, li l-flus intemmu u l-imrieħel u l-bhejjem għand sidna; ma fadlilniex għal sidna ħlief ġisimna u artijietna.


© 2020 Malta Bible Society.

19Għala għandna mmutu quddiem għajnejk, aħna u r-raba' tagħna. Ixtrina, lilna
u r-raba' tagħna, bil-ħobż, u nkunu aħna u r-raba' tagħna lsiera tal-Fargħun.
Agħtina ż-żerriegħa biex ngħixu u ma mmutux; u r-raba' ma jsirx ħerba."

20Hekk Ġużeppi xtara r-raba' kollu tal-Eġittu għall-Fargħun; għax l-Eġizzjani kull
wieħed biegħ l-għalqa tiegħu, għax kien għafas fuqhom il-ġuħ, u hekk l-art saret
kollha tal-Fargħun.

21U 'l poplu għamlu lsir fl-ibliet minn tarf għal ieħor tal-Eġittu.

22Imma l-art tal-qassisin ma xtrahiex; għax il-qassisin kellhom sehem mingħand
il-Fargħun, u kienu jieklu sehemhom, li kien jagħtihom il-Fargħun; għalhekk ma
bigħux ir-raba' tagħhom.

23U Ġużeppi qal lill-poplu: "Araw jien xtrajt illum lilkom u r-raba' tagħkom f'isem
il-Fargħun; issa nagħtikom iż-żerriegħa u iżirgħu r-raba'.

24Fi żmien il-ħsad imbagħad tagħtu mill-ħamsa waħda lill-Fargħun u l-erba'
qasmiet l-oħra jibqgħu għalikom, biex ikollkom x'tiżirgħu fir-raba' u x'tieklu
intom u min għandkom id-dar magħkom u t-tfal tagħkom."

25U huma weġbuh: "Int ħjejtna! Ħa nsibu ħniena f'għajnejn sidna, u nkunu lsiera
tal-Fargħun."

26Hekk Ġużeppi għamilha liġi li għadha sal-lum, fuq ir-raba' tal-Eġittu, li jagħtu
mill-ħamsa waħda lill-Fargħun. Imma l-art biss tal-qassisin ma waqgħetx f'idejn
il-Fargħun.

### Il-wegħda ta' Ġużeppi

27U Iżrael kien jgħammar fl-Eġittu fl-art ta' Gosen, u hemm kisbu l-ġid fiha, kotru
u żdiedu ħafna.

28U Ġakobb kien ilu sbatax-il sena fl-art tal-Eġittu; u hekk għomor Ġakobb kien
laħaq il-mija u sebgħa u erbgħin sena.

29U meta wasal iż-żmien biex Iżrael imut, sejjaħ lil ibnu Ġużeppi u qallu: "Jekk
jien sibt grazzja f'għajnejk qiegħed idek taħt kuxxtejja, u aħlifli li tagħmel ħniena
miegħi u żżomm kelmtek; la tidfinnix fl-Eġittu.

30Meta jien nistrieħ ma' missirijieti, ħudni 'l barra mill-Eġittu u idfinni
f'qabarhom." U hu wieġbu: "Jien nagħmel skont kelmtek."

31U hu qallu: "Aħlifli." U ħaliflu. U Iżrael intelaq fuq ras is-sodda.

## Ġenesi 48

### L-aħħar xewqa ta' Ġakobb

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

1U wara dawn il-ġrajja qalu lil Ġużeppi: "Ara, missierek marid." U ħa miegħu liż-żewġ uliedu, Manassi u Efrajm.

2U ħabbru lil Ġakobb u qalulu: "Ara, ġie għandek ibnek Ġużeppi." U Iżrael għamel ħiltu u qam bilqiegħda fuq is-sodda.

3U Ġakobb qal lil Ġużeppi: "El-Xaddaj deherli f'Luż fl-art ta' Kangħan u berikni

4u qalli: 'Arani, jien se nagħtik nisel u nkattrek u nagħmel minnek ġemgħa ta' ġnus, u nagħti din l-art lil nislek warajk b'wirt għal dejjem.'

5U issa ż-żewġ uliedek li twildulek fl-art tal-Eġittu qabel ma ġejt jien għandek fl-Eġittu, huma tiegħi: Efrajm u Manassi jkunu tiegħi bħal Ruben u Simgħon.

6Imma dawk li wlidt warajhom ikunu tiegħek; u jissejħu b'isem ħuthom fil-qasam tal-wirt.

7Meta jien kont ġej mill-Fiddien mititli Rakel fl-art ta' Kangħan fit-triq, meta kien għad fadal biċċa art sewwa biex nasal Efrata, u dfintha hemm fit-triq ta' Efrata, li hi Betlehem."

8U Iżrael ra ż-żewġt itfal ta' Ġużeppi u staqsieh: "Min huma dawn?"

9U Ġużeppi wieġeb lil Ġakobb: "Dawn huma wliedi li tani Alla hawnhekk." U qallu: "Ressaqhom lejja biex inberikhom."

10U għajnejn Iżrael kienu tqalu bix-xjuħija, u ma kienx jista' jara. Ressaqhomlu lejh Ġużeppi, u hu bieshom u għannaqhom.

11U Iżrael qal lil Ġużeppi: "Ma kontx nistenna li għad nara 'l wiċċek, u, ara, issa Alla wrieni lil uliedek ukoll."

12U Ġużeppi ħariġhom minn bejn irkupptejn missieru, u niżel wiċċu fl-art.

13Imbagħad Ġużeppi ħadhom it-tnejn: lil Efrajm b'idu l-leminija lejn in-naħa tax-xellug ta' Iżrael, u lil Manassi bix-xellugija lejn in-naħa tal-lemin ta' Iżrael, u ressaqhomlu lejh.

14U Iżrael medd idu l-leminija u qegħedha fuq ras Efrajm, iż-żgħir, u x-xellugija qegħedha fuq ras Manassi, b'idejh imsallbin, għax Manassi kien il-kbir,

15u bierek lil Ġużeppi u qallu: "Alla li mxew quddiemu missirijieti, Abraham u Iżakk; Alla, ir-ragħaj tiegħi, sa minn tnissili sal-lum;

16l-anġlu li salvani minn kull għawġ, ibierek 'il dawn iż-żgħażagħ, u jsejħu fuqhom ismi, u isem missirijieti, Abraham u Iżakk, u jitkattru bil-bosta fl-art."

17U Ġużeppi ra li missieru kien qiegħed idu l-leminija fuq ras Efrajm u ma għoġbitux; u qabad id missieru biex iwarrabha minn fuq ras Efrajm għal fuq ras Manassi.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

[18]U Ġużeppi qal lil missieru: "Mhux hekk missier! Dan hu l-kbir, qiegħed il-leminija tiegħek fuq rasu."

[19]Imma missieru ma riedx u qallu: "Naf, ibni, imma naf ukoll li għad ikun ġens, u jkun kbir ukoll. Naf ukoll li ħuh iż-żgħir għad ikun akbar minnu, u n-nisel tiegħu jkun milja ta' ġnus."

[20]U berikhom dak in-nhar u qalilhom: "Bik Iżrael għad ibierek u jgħid: 'Jagħmlek Alla bħal Efrajm u Manassi.' " U qiegħed lil Efrajm qabel Manassi.

[21]U Iżrael qal lil Ġużeppi: "Ara jien se mmut, imma Alla jkun magħkom u jreġġagħkom lura lejn art missirijietkom.

[22]U jien nagħtik xaqliba ta' muntanja aktar minn ħutek, li jien kont ħadt minn idejn l-Amurrin bix-xabla u l-qaws tiegħi."

## Ġenesi 49

### L-aħħar barka ta' Ġakobb

[1]U Ġakobb sejjaħ lil uliedu u qalilhom: "Inġabru ħdejja ħa nħabbrilkom x'għandu jiġri fl-aħħar jiem:

[2]Inġabru u isimgħu, ulied Ġakobb, agħtu widen lil Iżrael missierkom.

[3]Ruben, int il-kbir tiegħi, il-qawwa tiegħi u l-bikri ta' rġuliti, l-ogħla fil-ġieħ, u l-ogħla fil-qawwa.

[4]Imbaqbaq bħall-ilma, ma togħliex fil-ġieħ. Għax int tlajt fuq friex missierek, biex kasbart is-sodda ta' martu.

[5]Simgħon u Levi aħwa, għodod il-vjolenza sjufhom.

[6]Qalbi ma tagħtinix għal laqgħathom, u ġieħi ma nsibux f'ġemgħathom. Għax f'għadabhom qatlu n-nies, u b'kapriċċ qatgħu għerq il-barri.

[7]Misħut għadabhom għax qalil; misħuta l-kefrija ta' qillthom. Inqassamhom f'Ġakobb, u nxerridhom fost Iżrael.

[8]Ġuda, int lilek ifaħħruk ħutek. Idek fuq ras l-għedewwa tiegħek; u quddiemek imilu wlied missierek.

[9]Int ferħ ta' ljun, O Ġuda, inti ibni mill-priża tiela'. Bħal iljun imkennen, mimdud bħal mart l-iljun. Min se jqajmek?

[10]Ix-xettru minn id Ġuda ma jitneħħiex; u l-ħatar minn bejn riġlejh, sakemm iġibulu l-ħaraġ, u minnu l-ġnus jisimgħu.

[11]Jorbot mad-dielja l-felu tiegħu, u wild il-ħmara maż-żarġun. Jaħsel fl-inbid ħwejġu, u lbiesu f'demm il-għeneb.


© 2020 Malta Bible Society.

12Bl-inbid ħomor għajnejh, u snienu bojod bil-ħalib.

13Żebulun jgħammar f'xatt l-ibħra, f'xatt l-iġfien jinsab, b'ġenbu ma' Sidon.

14Issakar ħmar imgħaddam, mimdud qalb l-imqawel.

15Ra l-post tajjeb għall-mistrieħ, u l-art sabiħa. Għat-tagħbija niżżel spallejh, u sar ilsir tax-xogħol bilfors.

16Dan jagħmel ħaqq minn niesu, bħal wieħed mit-tribujiet ta' Iżrael.

17Dan bħal serp fit-triq, bħal lifgħa fil-mogħdija, jigdem għarqub iż-żiemel, u r-rikkieb jinqaleb lura.

18Ħelsienek nistenna, O Mulej.

19Gad, il-qtajja' jaħbtu għalik, imma int taħbat għal għarqubhom.

20Aser, ħobżu bnin, u ħlewwiet is-slaten jagħti.

21Naftali għażżiela ħielsa, li tagħti ġmiel ta' frieħ.

22Ġużeppi fergħa ta' siġra għammiela, fergħa ta' siġra għammiela ħdejn għajn, il-friegħi jiżżarġnu fuq il-ħajt.

23Qamu għalih u waddbulu l-vleġeġ, u ħarbtuh l-arċieri.

24Imma l-qaws tiegħu baqa' sod, u ħeffu dirgħajh u idejh, bis-saħħa tal-Qawwi ta' Ġakobb, bl-isem tar-Ragħaj u l-Blata ta' Iżrael.

25B'Alla ta' missierek,

- jalla jgħinek, b'Xaddaj,

- jalla jbierkek. B'barkiet mill-għoli tas-smewwiet, b'barkiet l-ilmijiet mifruxa taħt l-art, b'barkiet is-sider u l-ġuf,

26b'barkiet tal-qmuħ u ż-żahar, b'barkiet l-iġbla tal-qedem. L-għaxqiet tal-għoljiet tal-qedem, ħa jkunu fuq ras Ġużeppi, fuq il-qorriegħa tal-magħżul fost ħutu.

27Benjamin lupu tal-ħatfa, filgħodu jiekol il-qabda, u filgħaxija jqassam il-priża."

28Dawn huma t-tribujiet kollha ta' Iżrael, tnax b'kollox, u dan hu l-kliem li qalilhom missierhom hu u jberikhom; u 'l kull wieħed bierku b'barka għalih.

## Il-mewt ta' Ġakobb

29Imbagħad widdibhom u qalilhom: "Jiena sa ninġabar ma' niesi. Idfnuni ma' missirijieti, fl-għar li hemm fl-għalqa ta' Għefron il-Ħitti;

30fl-għar li hemm fl-għalqa ta' Makfela biswit Mamri fl-art ta' Kangħan, li Abraham kien xtara mingħand Għefron il-Ħitti, b'qabar tiegħu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

31Hemm difnu lil Abraham u 'l Sara martu; hemm difnu lil Iżakk u 'l Rebekka martu, u hemmhekk jien dfint lil Lija.

32Mingħand ulied il-Hittin inxtrat din l-għalqa bl-għar li hemm fiha."

33Meta Ġakobb temm iwiddeb lil uliedu, ġabar riġlejh fil-friex, ta l-aħħar nifs, u nġabar ma' niesu.

# Ġenesi 50

### Id-difna ta' Ġakobb

1U Ġużeppi nxteħet fuq wiċċ missieru, beka fuqu u biesu.

2U Ġużeppi ordna lit-tobba qaddejja tiegħu jibbalzmaw lil missieru. U t-tobba bbalzmaw lil Iżrael.

3Damu erbgħin jum sħiħ, għax daqshekk żmien kien jieħu l-ibbalzmar. U l-Eġizzjani damu jibkuh sebgħin jum.

4U meta ntemm żmien il-vistu, Ġużeppi mar kellem lid-dar tal-Fargħun u qalilhom: "Jekk sibt ħniena f'għajnejkom kellmu lill-Fargħun f'widnejh u għidulu:

5"Missieri ġagħalni naħlef u qalli: 'Ara jien se mmut! F'qabri li jien ħaffirt għalija fl-art ta' Kangħan, hemmhekk idfinni.' Mela issa ħa nitla' hemm u nidfen lil missieri, u nerġa' lura."

6U l-Fargħun wieġeb: "Itla' u idfen lil missierek kif ġagħlek taħlef."

7U Ġużeppi tala' jidfen lil missieru u telgħu miegħu l-qaddejja kollha tal-Fargħun; l-anzjani kollha tal-art tal-Eġittu,

8u d-dar kollha ta' Ġużeppi, u ħutu u dar missierhom. Hallew biss fl-art ta' Gosen it-tfal, l-imrieħel u l-baqar tagħhom.

9U miegħu telgħu wkoll il-karrijiet u r-rikkieba, u kienet qatgħa tassew kbira!

10U waslu sal-qiegħa ta' Atad, li hemm 'l hemm mill-Ġordan, u hemmhekk bdew biki kbir u tassew qawwi, u għamel vistu ta' sebat ijiem.

11U l-Kangħanin li kienu jgħammru fl-art fil-pajjiż raw il-vistu fil-qiegħa ta' Atad u qalu: "Dan il-vistu kbir tal-Eġizzjani." Għalhekk semmew il-post Abel-misrajm, li hemm in-naħa l-oħra tal-Ġordan.

12Imbagħad uliedu għamlulu kif kien ordnalhom:

13tellgħuh fl-art ta' Kangħan u difnuh f'għar li hemm fl-għalqa ta' Makfela, li kien xtara Abraham flimkien mal-għalqa mingħand Għefron il-Hitti, biswit Mamri biex ikollu qabar.


© 2020 Malta Bible Society.

14U Ġużeppi wara li difen lil missieru raġa' lura lejn l-Eġittu, hu u ħutu u kull min
kien tala' miegħu biex jidfen lil missieru.

15U ħut Ġużeppi bdew jibżgħu għax kien miet missierhom u bdew jgħidu: "Min
jaf jekk jibdiex jobgħodna Ġużeppi, u jroddilna d-deni kollu li għamilnielu."

16Għalhekk bagħtu jgħidu lil Ġużeppi: "Qabel ma miet missierek ordna u qal:

17'Dan għidu lil Ġużeppi: Iddew aħfer id-dnub ta' ħutek u ħtijiethom, għax ħsara
għamlulek.' U issa, nitolbuk, aħfer id-dnub tal-qaddejja ta' Alla ta' missierek." U
Ġużeppi beka huma u jkellmuh.

18U ħutu ġew u nxteħtu wiċċhom fl-art u qalulu: "Arana, hawn aħna lsiera
tiegħek!"

19U Ġużeppi qalilhom: "La tibżgħux, jaqaw jien flok Alla?

20Jekk intom ġibtuli fuqi d-deni, Alla bidlu fil-ġid, biex iżomm ħajja kotra ta' ġnus,
bħalma huma llum.

21U issa la tibżgħux. Jien nagħtikom tieklu, lilkom u lit-tfal tagħkom." Hekk
farraġhom, u serrħilhom moħħhom u laqtilhom qalbhom.

22U Ġużeppi kien jgħammar fl-Eġittu, hu u dar missieru. U Ġużeppi kellu mija u
għaxar snin.

23U Ġużeppi ra wlied Efrajm sat-tielet nisel, u wkoll ulied Makir bin Manassi, li
twieldu fuq irkupptejn Ġużeppi.

24U Ġużeppi qal lil ħutu: "Jiena se mmut, u Alla għad iżurkom żgur u jtellagħkom
minn din l-art lejn l-art li ħalef lil Abraham, lil Iżakk u lil Ġakobb."

25Imbagħad Ġużeppi ġagħal lil ulied Iżrael jaħilfu u qalilhom: "Iva, Alla għad
iżurkom żgur u intom ittellgħu għadmi minn hawn."

26U Ġużeppi miet ta' mija u għaxar snin; ibbalzmawh u qegħduh f'tebut l-Eġittu.


© 2020 Malta Bible Society.

# Eżodu 1

### Ulied Iżrael fl-Eġittu

1Dawn huma l-ismijiet ta' wlied Iżrael li ġew l-Eġittu ma' Ġakobb, kull wieħed bil-familja tiegħu:

2Ruben, Simgħon, Levi u Ġuda;

3Issakar, Żebulun u Benjamin;

4Dan u Naftali, Gad u Aser.

5Dawk kollha li tnisslu minn Ġakobb kienu sebgħin ruħ.

6Ġużeppi kien diġà l-Eġittu. Ġużeppi u ħutu kollha u dik il-ġenerazzjoni kollha mietu.

7Imma wlied Iżrael nisslu, żdiedu u kotru, u saru qawwija ħafna u l-art imtliet bihom.

8U laħaq sultan ġdid fl-Eġittu, li ma kienx jaf lil Ġużeppi,

9u qal lill-poplu tiegħu: "Araw, il-poplu ta' wlied Iżrael kiber ħafna u sar aqwa minna.

10Ejjew nimxu bil-għaqal miegħu, li ma jikbirx aktar u tqum xi gwerra, jingħaqad mal-għedewwa tagħna, jaħbat għalina, u jitlaq 'il barra mill-pajjiż."

11U għamlu mgħallmin tax-xogħol fuqhom, biex jgħakksuhom b'xogħol iebes. U hekk lill-Fargħun bnewlu l-ibliet tal-imħażen: Pitom u Ragħmses.

12Imma aktar ma kienu jgħakksuhom, aktar kienu joktru u jixterdu; u l-Eġizzjani bdew jitbeżżgħu minn ulied Iżrael;

13u ġiegħlu lil ulied Iżrael jaħdmu iebes.

14Imlewlhom ħajjithom bl-imrar u bix-xogħol iebes fit-tafal u l-madum, u bix-xogħol fir-raba'; f'kull xogħol li kienu jqabbduhom, kienu jħaddmuhom bl-aħrax.

### L-ordni tal-Fargħun lill-qwiebel

15Is-sultan tal-Eġittu sejjaħ lill-qwiebel Għebrej, waħda jisimha Sifra u l-oħra Pugħa, u qalilhom:

16"Meta twelldu lin-nisa Għebrej, ħarsu u araw xi tkun it-tarbija; jekk ikun tifel oqtluh, jekk tkun tifla ħalluha tgħix."

17Il-qwiebel beżgħu minn Alla, u ma għamlux kif qalilhom is-sultan tal-Eġittu, imma ħallew is-subien ħajjin.


© 2020 Malta Bible Society.

18Għalhekk is-sultan tal-Eġittu sejjaħ lill-qwiebel u staqsiehom: "Għala għamiltu hekk, u ħallejtu lis-subien ħajjin?"

19U l-qwiebel wieġbu lill-Fargħun: "In-nisa Għebrej mhumiex bħan-nisa Eġizzjani; billi huma b'saħħithom ikunu ħelsu qabel ma tasal għandhom il-qabla."

20Għalhekk Alla għamel il-ġid mal-qwiebel. U l-poplu baqa' joktor u jissaħħaħ ħafna.

21U Alla ta familji lill-qwiebel talli beżgħu minnu.

22Il-Fargħun imbagħad ordna lin-nies kollha tiegħu, u qalilhom: "Ixħtu fix-xmara s-subien li jitwieldu u ħallu l-bniet kollha jgħixu."

# Eżodu 2

### It-twelid ta' Mosè

1Kien hemm raġel mit-tribù ta' Levi, li ħa b'martu lil waħda min-nisel ta' Levi.

2Il-mara tqalet u wildet iben; billi rat li kien tifel sabiħ, żammitu moħbi għal tliet xhur.

3Meta ma setgħetx taħbih aktar, ħadet qoffa tal-papiru, dilkitha bil-qatran u ż-żift, qiegħdet it-tifel fiha, u qegħditha qalb is-simar f'xatt ix-xmara Nil.

4Oħtu qagħdet ftit 'il bogħod biex tara x'se jiġrilu.

5Niżlet bint il-Fargħun biex tgħum fin-Nil, waqt li l-qaddejja tagħha kienu jitlajjaw fuq xatt ix-xmara. Hi lemħet il-qoffa f'nofs is-simar, u bagħtet qaddejja ġġibhielha.

6Malli fetħitha, rat it-tarbija; u t-tifel kien qiegħed jibki. Tħassritu u qalet: "Dan hu wieħed minn ulied l-Għebrej."

7U oħt it-tarbija qalet lil bint il-Fargħun: "Tridx immur insejjaħlek waħda mill-imreddgħa tal-Għebrej biex treddagħlek it-tarbija?"

8U bint il-Fargħun wieġbet: "Mur!" U x-xbejba marret u sejħet lil omm it-tarbija.

9U qaltilha bint il-Fargħun: "Ħu 'l din it-tarbija u reddagħhieli, u jiena nħallsek kemm ikun ħaqqek." U l-mara ħadet it-tarbija u reddgħetha.

10Meta t-tifel kiber, ħaditu għand bint il-Fargħun, li kienet tqisu tagħha, u semmietu Mosè, "għax," qalet, "salvajtu mill-ilma."

### Mosè f'Midjan

11Darba waħda Mosè, meta kiber, mar ħdejn ħutu u ra x-xogħol iebes tagħhom, u lemaħ lil wieħed Eġizzjan isawwat lil wieħed mill-Għebrej ħutu.


© 2020 Malta Bible Society.

12Dar u ħares madwaru, ra li ma kien hemm ħadd, qatel l-Eġizzjan, u difnu fir-
ramel.

13L-għada raġa' ħareġ u ra żewġt irġiel Għebrej jiġġieldu; u qal lill-ħati: "Għala
qiegħed taħbat għal sieħbek?"

14U dan wieġbu: "Min qiegħdek kap u mħallef fuqna? Jaqaw trid toqtolni bħalma
qtilt l-Eġizzjan?" Mosè beża' u qal: "Mela jafu b'din il-ħaġa."

15Malli l-Fargħun sama b'dan, fittex lil Mosè biex joqtlu; imma Mosè ħarab u mar
fl-art ta' Midjan. Hemm qagħad bilqiegħda ħdejn bir.

16Il-qassis ta' Midjan kellu sebat ibniet; u dawn ġew jimlew l-ilma u mlew il-ħwat
biex jisqu l-merħla ta' missierhom.

17Kif waslu r-rgħajja warrbuhom, imma Mosè qam u qabeż għalihom u sqielhom
il-merħla tagħhom.

18Meta x-xebbiet marru għand missierhom, li kien jismu Regħwel, staqsiehom:
"Kemm ġejtu kmieni llum? Għaliex?"

19U huma weġbuh: "Wieħed Eġizzjan ħelisna minn idejn ir-rgħajja u mlielna hu
wkoll u sqielna n-nagħaġ."

20Missierhom staqsiehom: "Fejn hu? Għaliex ħallejtuh hemm lil dan ir-raġel?
Sejħulu biex jiekol biċċa ħobż magħna."

21Mosè għoġbu li joqgħod ma' dak ir-raġel; u dan tah lil bintu Siffora b'martu.

22Din kellha tifel u semmietu Gersum; "għax," qal Mosè, "jien stranġier f'art
barranija."

23Għadda ż-żmien u miet is-sultan tal-Eġittu; u wlied Iżrael bdew jitniehdu taħt
il-jasar u jgħajtu. L-għajjat tagħhom mill-jasar wasal sa għand Alla.

24U Alla sama' l-krib tagħhom u ftakar fil-patt tiegħu ma' Abraham, ma' Iżakk u
ma' Ġakobb.

25Alla xeħet ħarstu fuq ulied Iżrael u ra f'liema stat kienu.

## Eżodu 3

### Alla jsejjaħ lil Mosè

1Mosè kien jirgħa l-merħla ta' ħatnu Ġetru, qassis ta' Midjan, u ħa l-merħla 'l
hemm fid-deżert, u wasal sa ħdejn Horeb, il-muntanja ta' Alla.

2Hawn deherlu l-anġlu tal-Mulej f'ħuġġieġa nar qalb l-għollieq. Mosè ħares u ra
l-għollieq jaqbad bin-nar bla ma jintemm.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

3Mosè qal: "Ħa nersaq u nara din id-dehra tal-għaġeb għala mhux jinħaraq l-għolliq."

4Il-Mulej rah riesaq biex jara, u Alla sejjaħlu minn qalb l-għollieq u qallu: "Mosè, Mosè!" U Mosè wieġeb: "Hawn jien!"

5U l-Mulej qallu: "La tersaqx 'l hawn. Neħħi l-qorq minn riġlejk, għax il-post li inti fuqu hu art qaddisa."

6U ssokta jgħidlu: "Jien hu Alla ta' missierek: Alla ta' Abraham, Alla ta' Iżakk u Alla ta' Ġakobb." Mosè għatta wiċċu, għax beża' jħares lejn Alla.

7U l-Mulej qallu: "Jien ħarist u rajt it-tbatija tal-poplu tiegħi fl-Eġittu. U jien smajt il-karba tagħhom minħabba fl-argużini tagħhom u għaraft l-uġigħ tagħhom.

8Issa nżilt biex neħlishom minn idejn l-Eġizzjani u biex intellagħhom minn dik l-art u neħodhom f'art tajba u wiesgħa, f'art tnixxi ħalib u għasel, art il-Kangħanin u l-Ħittin, l-Amurrin u l-Periżżin, il-Ħiwwin u l-Ġebusin.

9U issa, ara, il-karba ta' wlied Iżrael waslet sa għandi, u rajt ukoll it-tgħakkis li bih qegħdin jgħakksuhom l-Eġizzjani.

10Ejja, mela, ħa nibagħtek għand il-Fargħun biex toħroġ lil ulied Iżrael, il-poplu tiegħi, mill-Eġittu."

11Mosè wieġeb lil Alla: "Min jien biex immur quddiem il-Fargħun u noħroġ lil ulied Iżrael mill-Eġittu?" U Alla wieġbu:

12"Jiena nkun miegħek, u dan ikun is-sinjal li jien bgħattek: meta tkun ħriġt il-poplu mill-Eġittu, intom tqimu lil Alla fuq din il-muntanja."

### L-Isem ta' Alla

13Mosè reġa' wieġeb: "Ara, jiena mmur għand ulied Iżrael u ngħidilhom: 'Alla ta' missirijietkom bagħatni għandkom,' u huma jistaqsuni, 'X'jismu?' Jiena xi ngħidilhom?"

14Alla wieġbu: "JIEN LI JIEN." U kompla jgħidlu: "Hekk għidilhom lil ulied Iżrael, 'JIENA-HU bagħatni għandkom.' "

15U Alla kompla jgħidlu: "Hekk għandek tgħidilhom lil ulied Iżrael: 'Jaħweh, Alla ta' missirijietkom, Alla ta' Abraham, Alla ta' Iżakk, Alla ta' Ġakobb, bagħatni għandkom.' Dan ikun ismi għal dejjem u dan l-isem ifakkarkom fija minn nisel għal nisel.

16Mur u iġbor ix-xjuħ ta' Iżrael u għidilhom: 'Il-Mulej, Alla ta' Missirijietkom, Alla ta' Abraham, Alla ta' Iżakk, Alla ta' Ġakobb, deherli u qalli: Ħsibt fikom u x'qegħdin jagħmlulkom fl-Eġittu.

17Jien inwegħedkom li ntellagħkom mit-tbatija tal-Eġittu, f'art il-Kangħanin, il-Ħittin u l-Amurrin, il-Periżżin, il-Ħiwwin u l-Ġebusin, f'art tnixxi ħalib u għasel.'


© 2020 Malta Bible Society.

18Huma jisimgħu kliemek, u int u x-xjuħ ta' Iżrael tmorru għand is-sultan tal-
Eġittu u tgħidulu: 'Il-Mulej, Alla tal-Għebrej, iltaqa' magħna. U issa, nitolbuk,
ħallina nitbiegħdu tlitt ijiem mixi fid-deżert biex hemm noffru sagrifiċċji lill-
Mulej Alla tagħna.'

19Jien naf li s-sultan tal-Eġittu ma jħallikomx toħorġu mingħajr ma jkun
imġiegħel b'saħħa.

20Għalhekk jiena mmidd idejja u nolqot lill-Eġittu bl-għeġubijiet li nagħmel fih;
wara dan il-Fargħun iħallikom tmorru.

21U jien nagħmel mod li dan il-poplu jkollu r-rispett tal-Eġizzjani, u meta titilqu
ma titilqux b'idejkom vojta,

22iżda kull mara titlob lill-ġâra tagħha, u 'l dik li tgħammar f'darha, ħwejjeġ tal-
fidda u deheb, u lbiesi, u intom tlibbsuhom lil uliedkom subien u bniet; u hekk
intom tneżżgħu lill-Eġizzjani."

## Eżodu 4

### Mosè u s-setgħa tal-mirakli

1U Mosè wieġeb: "Ara, ma jemmnunix, u anqas jisimgħu minn kliemi, u jgħidu:
'Il-Mulej ma deherlikx.'

2Il-Mulej wieġbu: "X'għandek f'idejk?" u Mosè wieġeb: "Hatar."

3U hu qallu: "Ixħtu fl-art." U hu xeħtu fl-art, u sar serp; u Mosè ħarab minnu.

4U l-Mulej qal lil Mosè: "Midd idek, u aqbdu minn denbu" - u medd idu u qabdu,
u sar ħatar f'idu -

5"Sabiex jemmnu li deherlek il-Mulej, Alla ta' missirijiethom, Alla ta' Abraham,
Alla ta' Iżakk, Alla ta' Ġakobb."

6Il-Mulej raġa' qallu: "Daħħal idek f'ħobbok." U hu daħħal idu f'ħobbu; u meta
ħariġha sabha mimlija lebra, bajda bħas-silġ.

7U Alla qallu: "Erġa' daħħal idek f'ħobbok." Għalhekk raġa' daħħal idu f'ħobbu, u
meta ħariġha reġgħet għal li kienet bħall-bqija ta' ġismu.

8"Jekk ma jemmnukx," Alla qallu, "jew ma jagħtux kas tal-ewwel sinjal, jistgħu
jemmnu fit-tieni sinjal.

9Jekk imbagħad ma jemmnux lanqas dawn iż-żewġ sinjali u lanqas jisimgħu
minn kliemek, int ħu ftit mill-ilma tan-Nil u sawbu fuq l-art niexfa; u l-ilma li int
tieħu min-Nil isir demm fuq l-art."

10Iżda Mosè qal lill-Mulej: "Jaħasra, Sidi, ma ninqalax biex nitkellem jien, la qabel
u lanqas issa li int kellimt lill-qaddej tiegħek; jien tqil f'fommi u f'ilsieni."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

11 Il-Mulej wieġbu: "Min għamel fomm il-bniedem? Min għamel l-imbikkem, it-trux, u l-agħma u 'l min jara? M'hux jien, il-Mulej?

12 Mela issa mur, u jien inkun ma' fommok u ngħallmek x'għandek tgħid."

13 Imbagħad Mosè wieġeb: "Jaħasra, Mulej, ibgħat, nitolbok lil xi ħaddieħor!"

14 Il-Mulej xegħel bil-qilla kontra Mosè u qallu: "M'hemmx ħuk Aron, il-Levita? Naf li hu jitkellem tajjeb; u hu joħroġ jiltaqa' miegħek, u kif jarak qalbu timtela bil-ferħ.

15 U int titkellem miegħu u tqegħedlu l-kliem f'fommu, u jien inkun ma' fommok u ma' fommu, u ngħallimkom x'għandkom tagħmlu.

16 Hu jkellem għalik in-nies, ikun għalik ta' fomm, u int tkun għalih ta' Alla.

17 U int tieħu f'idejk dan il-ħatar, li bih tagħmel is-sinjali."

### Mosè jmur lura l-Eġittu

18 Mosè raġa' mar għand Ġetru, ħatnu, u qallu: "Ħallini mmur għand niesi l-Eġittu u nara għadhomx ħajjin." U Ġetru qal lil Mosè: "Mur bis-sliem."

19 U l-Mulej qal lil Mosè f'Midjan: "Mur lura l-Eġittu; għax in-nies li kienu jfittxulek ħajtek mietu lkoll."

20 Għalhekk Mosè ħa 'l martu u 'l uliedu, u rikkibhom fuq il-ħmar u raġa' mar lejn l-art tal-Eġittu; u ħa f'idu l-ħatar ta' Alla.

21 U l-Mulej qal lil Mosè: "Meta int tmur lura l-Eġittu, qis li tagħmel quddiem il-Fargħun il-mirakli li jien tajtek is-setgħa li tagħmel; iżda jien inwebbislu qalbu, u ma jħallix il-poplu jitlaq.

22 U int tgħid lill-Fargħun: 'Dan jgħid il-Mulej: Iżrael hu ibni l-kbir,

23 u jien ngħidlek: Ibgħat lil ibni biex iqimni; jekk int ma tridx tibagħtu, arani, jien sa noqtol 'l ibnek il-kbir.' "

24 Fit-triq, meta waqaf għal-lejl, il-Mulej iltaqa' miegħu u ried joqtlu.

25 Imbagħad Siffora ħadet biċċa żnied u ħatnet lil binha biha, u messet riġlejn Mosè u qalet: "Għarus id-demm int għalija!"

26 U l-Mulej telqu. Siffora minħabba ċ-ċirkonċiżjoni qalet: "Għarus id-demm int."

27 Il-Mulej qal lil Aron: "Oħroġ fid-deżert biex tiltaqa' ma' Mosè." U hu ħareġ u ltaqa' miegħu ħdejn il-muntanja ta' Alla u biesu.

28 U Mosè qallu kulma kien qallu l-Mulej li kien bagħtu, u bis-sinjali li kien ordnalu jagħmel.

29 Imbagħad Mosè u Aron marru u ġemgħu x-xjuħ kollha tal-poplu ta' Iżrael.


© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

30U Aron qalilhom il-kliem kollu li l-Mulej kien qal lil Mosè, u għamel is-sinjali quddiem il-poplu.

31Il-poplu emmen, u meta semgħu li Alla żar il-poplu ta' Iżrael u li hu ra t-tbatija tagħhom, baxxew rashom iqimu lil Alla.

## Eżodu 5

### Mosè u Aron quddiem il-Fargħun

1Imbagħad Mosè u Aron marru għand il-Fargħun u qalulu: "Hekk jgħid il-Mulej, Alla ta' Iżrael: 'Ħalli l-poplu tiegħi jitlaq, u jagħmilli festa fid-deżert.' "

2Iżda l-Fargħun wieġeb: "Min hu l-Mulej, biex jien nisma' minn kliemu u nħalli lil Iżrael jitlaq? Il-Mulej ma nafx min hu, u 'l Iżrael ma nħallihx jitlaq."

3U huma weġbuh: "Alla tal-Għebrej ġie quddiemna. Ħa mmorru tlitt ijiem mixi fid-deżert u noffru s-sagrifiċċji lill-Mulej Alla tagħna, li ma jmurx jaħbat għalina bil-pesta jew bis-sejf."

4Is-sultan tal-Eġittu weġibhom: "Mosè u Aron, għaliex qegħdin tisfrattaw in-nies minn fuq xogħolhom? Morru fuq xogħolkom."

5U l-Fargħun qalilhom ukoll: "Araw, il-poplu ta' din l-art kiber; u intom qegħdin twaqqfuhom mix-xogħol."

6Dak in-nhar il-Fargħun ordna lil dawk li jieħdu ħsieb ix-xogħol u 'l dawk ta' fuq il-ħaddiema u qalilhom:

7"Tagħtux aktar tiben bħal qabel lin-nies biex jagħmlu l-madum; ħa jmorru huma jlaqqtu t-tiben.

8Iżda agħtuhom madum x'jagħmlu daqs kemm kienu jagħmlu qabel, tnaqqsulhom xejn, għax ma għandhomx x'jagħmlu; għalhekk qegħdin jgħajtu u jgħidu: 'Ħa mmorru u noffru s-sagrifiċċji lil Alla tagħna.'

9Lil dawn in-nies agħtuhom xogħol iebes ħalli jaħdmu u ma jagħtux widen għal kliem il-gideb."

10Għalhekk l-argużini u dawk ta' fuq il-ħaddiema marru u qalulhom: "Hekk qal il-Fargħun: 'Ma nagħtikomx aktar tiben.

11Morru intom u laqqtu t-tiben minn fejn issibuh, iżda x-xogħol ma għandu jonqos b'xejn.' "

12U l-poplu xtered mal-art kollha tal-Eġittu biex jiġbor il-ħuxlief flok it-tiben.

13U l-argużini kienu jgħidulhom: "Agħmlu x-xogħol li għandkom tagħmlu kull jum, fil-jum tiegħu, bħal meta kellkom it-tiben."


© 2020 Malta Bible Society.

14U ’l dawk ta’ fuq il-ħaddiema minn ulied Iżrael, li għamlulhom fuqhom l-
argużini tal-Fargħun, kienu jsawtuhom u jgħidulhom: “Għaliex ma temmejtux ix-
xogħol tal-madum li kellkom tagħmlu bħas-soltu, la lbieraħ u lanqas illum?”

15U dawk ta’ fuq il-ħaddiema minn ulied Iżrael marru jilmintaw quddiem il-
Fargħun u jgħidulu: “Għaliex qiegħed tagħmel hekk lill-qaddejja tiegħek?

16Ma jagħtux tiben, lilna l-qaddejja tiegħek, u mbagħad jgħidulna: ‘Agħmlu l-
madum.’ Arahom imbagħad isawtu lill-qaddejja tiegħek. Il-ħtija hi ta’ niesek.”

17Imma hu weġibhom: “Intom għażżiena, ma għandkomx x’tagħmlu. Għalhekk
qegħdin tgħidu: ‘Ħa mmorru u noffru s-sagrifiċċji lill-Mulej.’

18Issa fittxu morru aħdmu, tiben ma jagħtukomx, imma x-xogħol tal-madum
tridu tagħmluh.”

19Dawk ta’ fuq il-ħaddiema minn ulied Iżrael raw li qegħdin ħażin meta
qalulhom: “Ma għandkom bl-ebda mod tnaqqsu mill-madum li għandkom
tagħmlu kull jum minn jum għal ieħor.”

20Meta ħarġu mingħand il-Fargħun iltaqgħu ma’ Mosè u Aron jistennewhom u
qalulhom:

21“Il-Mulej jixħet għajnejh fuqkom u jagħmel ħaqq. Minħabba fikom il-Fargħun
u l-qaddejja tiegħu ma jistgħux iġerrħuna iżjed; tajtuhom xabla f’idejhom biex
joqtluna.”

### Il-kastigi tal-Eġittu

22Mosè raġa’ għand il-Mulej u qallu: “Sidi, għaliex għamilt id-deni lil dan il-
poplu? Għaliex bgħattni?

23Minn mindu mort inkellem lill-Fargħun f’ismek, lil dan il-poplu għamillu iżjed
ħsara u int ma ħlist bl-ebda mod il-poplu tiegħek!”

## Eżodu 6

1U l-Mulej wieġeb lil Mosè: “Issa tara x’nagħmel lill-Fargħun, għax bis-saħħa
jkollu jibgħathom, u bis-saħħa jkeċċihom ’il barra minn pajjiżu.”

2U raġa’ kellem lil Mosè u qallu: “Jiena Jaħweh.

3Jien dhert lil Abraham, lil Iżakk u lil Ġakobb bħala El-Xaddaj. Imma ismi Jaħweh
ma għarrafthulhomx.

4Jien għamilt ukoll il-patt tiegħi magħhom, li nagħtihom l-art ta’ Kangħan, l-art
fejn kienu jiġġerrew fiha bħala barranin.

5U issa wkoll smajt il-krib ta’ wlied Iżrael, miżmuma b’ilsiera mill-Eġizzjani, u
ftakart fil-patt tiegħi.


© 2020 Malta Bible Society.

6Għalhekk għid lil ulied Iżrael: 'Jiena Jaħweh, u jien noħroġkom minn taħt il-madmad tal-Eġittu u neħliskom mill-jasar tagħkom, u nifdikom bis-saħħa ta' driegħi u nagħmel ħaqq minnhom b'għemejjel kbar.

7Jien naħtarkom u neħodkom biex tkunu l-poplu tiegħi, u jiena nkun Alla tagħkom, u tkunu tafu li jien Jaħweh, il-Mulej, Alla tagħkom, li ħeliskom minn taħt il-madmad tal-Eġittu.

8U nwassalkom fl-art li jien b'idi merfugħa ħlift li nagħtiha lil Abraham, lil Iżakk, lil Ġakobb, u li nagħtiha lilkom biex tirtuha. Jien hu Jaħweh.' "

9U Mosè kellem hekk lil ulied Iżrael u ma semgħux minnu minħabba l-qtigħ il-qalb u l-kefrija tal-jasar.

10Il-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

11"Mur kellem lill-Fargħun, sultan tal-Eġittu, biex iħalli 'l ulied Iżrael jitilqu minn artu."

12U Mosè tkellem quddiem il-Mulej u qal: "Ara, ulied Iżrael ma semgħux minni, se jisma' minni l-Fargħun, jien li ma għandix xufftejja maħtuna?"

13U l-Mulej kellem lil Mosè u 'l Aron dwar ulied Iżrael u l-Fargħun, sultan tal-Eġittu, u ordnalhom biex joħorġu 'l ulied Iżrael mill-art tal-Eġittu.

## In-nisel ta' Iżrael

14Dawn huma l-kapijiet ta' djar missirijiethom: ulied Ruben, l-iben il-kbir ta' Iżrael: Henok u Pallu, Hesron u Karmi; dawn huma l-familji ta' Ruben.

15Ulied Simgħon: Ġamwel u Ġamin u Aħod, u Ġakin u Soħar, u Sawl bin il-Kangħanija. Dawn huma l-familji ta' Simgħon.

16U dawn huma l-ismijiet ta' wlied Levi skont in-nisel tagħhom: Gersum u Keħat u Merari; u Levi għex mija u sebgħa u tletin sena.

17Ulied Gersum: Libni u Semgħi bil-familji tagħhom.

18U ulied Keħat: Għamram u Isħar u Hebron u Għużżijel. Keħat għex mija u tlieta u tletin sena.

19Ulied Merari: Maħli u Musi. Dawn huma l-familji ta' Levi skont in-nisel tagħhom.

20Għamram iżżewweġ lil Ġokebed, lil oħt missieru, u wilditlu lil Aron u 'l Mosè. Għamram għex mija u sebgħa u tletin sena.

21Ulied Isħar: Koraħ u Nefeg u Żikri.

22Ulied Għużżijel: Misael u Elisafan, u Sitri.


© 2020 Malta Bible Society.

23Aron iżżewweġ lil Elisaba, bint Għamminadab, oħt Naħson, u wilditlu 'l Nadab,
'l Abiħu, 'l Elgħażar, u 'l Itamar.

24Ulied Koraħ: Assir u Elkana u Abijasaf; dawn huma l-familji tal-Koraħin.

25Elgħażar, bin Aron, iżżewweġ lil waħda mill-bniet ta' Putijel, u wilditlu 'l Fineħas. Dawn huma l-kapijiet tal-familji ta' missirijiet il-Leviti, skont il-familji tagħhom.

26Dawn huma Aron u Mosè li l-Mulej qalilhom: "Oħorġu lil ulied Iżrael mill-art tal-Eġittu bil-qtajja' tagħhom."

27Kienu huma li tkellmu quddiem il-Fargħun, is-sultan tal-Eġittu, biex joħorġu lil ulied Iżrael mill-Eġittu: Mosè u Aron.

28Dakinhar li l-Mulej kellem lil Mosè fl-art tal-Eġittu,

29il-Mulej qal lil Mosè: "Jiena Jaħweh: għid lill-Fargħun kulma jien se ngħidlek."

30U Mosè wieġeb quddiem il-Mulej: "Hawn jien, jien m'għandix xufftejja maħtuna, u kif jisma' minni l-Fargħun?"

## Eżodu 7

1U l-Mulej wieġeb lil Mosè: "Arani, jien nagħmlek qisek Alla għall-Fargħun; u Aron ħuk ikun il-profeta tiegħek.

2Int tgħidlu kulma nordnalek jien, u Aron ħuk ikellem lill-Fargħun biex jibgħat lil ulied Iżrael minn artu.

3U jien inwebbes qalb il-Fargħun, u għalkemm nagħmel kotra ta' sinjali u mirakli fl-art tal-Eġittu,

4b'dan kollu l-Fargħun ma jismax minnkom. U mmidd idejja fuq l-Eġittu u noħroġ il-qtajja' tal-poplu tiegħi, 'l ulied Iżrael, mill-art tal-Eġittu, u nagħmel ħaqq minnhom b'kastigi kbar.

5U l-Eġizzjani mbagħad jagħrfu li jien il-Mulej, meta mmidd idejja fuq l-Eġittu, u noħroġ lil ulied Iżrael minn ġo nofshom."

6U hekk għamlu Mosè u Aron, għamlu kif ordnalhom il-Mulej.

7U Mosè kellu tmenin sena u Aron tlieta u tmenin meta kellmu lill-Fargħun.

### Il-ħatar isir serp

8U l-Mulej kellem lil Mosè u 'l Aron u qalilhom:

9"Meta l-Fargħun ikellimkom u jgħidilkom: 'Agħmlu xi miraklu', inti għid lil Aron: 'Hu l-ħatar tiegħek, u ixħtu fl-art quddiem il-Fargħun. Dan isir serp.' "

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

10U Mosè u Aron marru quddiem il-Fargħun u għamlu hekk kif kien ordnalhom
il-Mulej: Aron xeħet il-ħatar tiegħu quddiem il-Fargħun u l-qaddejja tiegħu, u
dan sar serp.

11Imbagħad il-Fargħun sejjaħ l-għorrief u s-saħħara; u huma wkoll, is-saħħara
tal-Eġittu, għamlu hekk bis-sħarijiet tagħhom.

12Kull wieħed xeħet il-ħatar tiegħu, u dawn saru sriep. Imma l-ħatar ta' Aron
bala' l-oħtra tagħhom.

13Il-qalb tal-Fargħun twebbset u ma samax minnhom, kif kien qal il-Mulej.

### L-ilma jsir demm

14U l-Mulej qal lil Mosè: "Qalb il-Fargħun twebbset, u ma jridx jitlaq il-poplu.

15Mur għand il-Fargħun filgħodu, hu u ħiereġ lejn ix-xmara, u oqgħod stennieh
ħdejn ix-xatt biex tkellmu, u ħu f'idejk il-ħatar li kien inbidel f'serp.

16U int għidlu: 'Il-Mulej, Alla tal-Għebrej, bagħatni għandek ngħidlek: Itlaq il-
poplu tiegħi biex jagħtini qima fid-deżert, u int s'issa ma smajtx. Dan jgħid il-
Mulej:

17'B'dan tagħraf li jien il-Mulej: Arani se nagħti b'dan il-ħatar fuq l-ilma tan-Nil u
dan isir demm,

18u jmut il-ħut li hemm fin-Nil, u tinten in-Nil u l-Eġizzjani jiddardru jixorbu
minnha.' "

19U l-Mulej kellem lil Mosè: "Għid lil Aron: 'Ħu l-ħatar tiegħek u midd idek fuq l-
ilmijiet tal-Eġittu, fuq ix-xmajjar tagħhom, fuq is-swieqi tagħhom, fuq l-għadajjar
u l-ġwiebi kollha tal-ilma tagħhom, u dawn isiru demm. U jkun hemm id-demm
mal-art kollha tal-Eġittu, sew fil-ġarar tal-għuda sew fil-ġarar tal-ġebel.' "

20U għamlu hekk Mosè u Aron, kif ordnalhom il-Mulej. Aron rafa' idu u ta daqqa
fuq l-ilma tan-Nil quddiem il-Fargħun u l-qaddejja tiegħu. U l-ilma kollu li hemm
fin-Nil sar demm.

21U l-ħut li hemm fix-xmara miet, u nitnet in-Nil u l-Eġizzjani ma setgħux jixorbu
mill-ilma tan-Nil. U kien hemm id-demm mal-art kollha tal-Eġittu.

22U s-saħħara Eġizzjani għamlu hekk ukoll bis-sħarijiet tagħhom. U qalb il-
Fargħun twebbset u ma tahomx widen, bħalma kien qalilhom il-Mulej.

23Il-Fargħun dar u raġa' lura f'daru, u fuq dan anqas biss qagħad jaħseb.

24U l-Eġizzjani ħaffru madwar ix-xmara għall-ilma x'jixorbu, għaliex ma setgħux
jixorbu mill-ilma tax-xmara.

### Iż-żrinġijiet

25Għaddew sebat ijiem minn meta l-Mulej ħabat għax-xmara.


© 2020 Malta Bible Society.

26 Imbagħad il-Mulej kellem lil Mosè u qallu: "Mur għand il-Fargħun, u għidlu: 'Dan qal il-Mulej: Ibgħat il-poplu tiegħi biex jagħtini qima.

27 U jekk inti ma tridx tibgħathom, arani, jien sa nimlielkom l-art kollha biż-żrinġijiet.

28 Ix-xmara Nil tiżgħed biż-żrinġijiet, u jitilgħu u jidħlu f'darek, fil-kamra ta' soddtok, fuq friexek, fid-dar tal-qaddejja tiegħek u tal-poplu tiegħek; u fil-fran u fil-lniebi tiegħek.

29 Iż-żrinġijiet jitilgħu għalik, għall-poplu tiegħek u għall-qaddejja tiegħek kollha.' "

## Eżodu 8

1 Il-Mulej qal lil Mosè: "Għid lil Aron: 'Midd idek bil-ħatar fuq ix-xmajjar, fuq is-swieqi u fuq l-għadajjar u tella' ż-żrinġijiet għal fuq l-art tal-Eġittu.' "

2 Aron medd idu fuq l-ilmijiet tal-Eġittu; u tella' ż-żrinġijiet u dawn ksew l-art tal-Eġittu.

3 U s-saħħara bis-sħarijiet tagħhom tellgħu huma wkoll iż-żrinġijiet għal fuq l-art tal-Eġittu.

4 Imbagħad il-Fargħun sejjaħ lil Mosè u lil Aron u qalilhom: "Itolbu lill-Mulej ineħħi ż-żrinġijiet minn dari, minn fost il-poplu tiegħi, u jien nibgħat lill-poplu biex joffri s-sagrifiċċji lill-Mulej."

5 U Mosè wieġeb lill-Fargħun: "Meta jogħġbok, għidli meta tridni nitlob għalik u għall-qaddejja tiegħek u għall-poplu tiegħek, biex jinqerdu ż-żrinġijiet minnek u minn darek u mill-qaddejja tiegħek, u jibqgħu biss fin-Nil."

6 U l-Fargħun wieġeb: "Għada." U Mosè wieġeb: "Kif għedt isir, biex tkun taf li ħadd m'hemm bħall-Mulej, Alla tagħna.

7 Iż-żrinġijiet jitbiegħdu minnek, u minn darek, u mill-qaddejja tiegħek, u jibqgħu biss fin-Nil."

8 U Mosè u Aron ħarġu minn quddiem il-Fargħun; u Mosè għajjat u sejjaħ lill-Mulej minħabba ż-żrinġijiet kif kien ftiehem mal-Fargħun.

9 Il-Mulej għamel kif talbu Mosè u mietu ż-żrinġijiet fid-djar, fl-irħula u fir-raba'.

10 U ġabruhom gods gods, u l-art nitnet.

11 Meta l-Fargħun ra li l-art ħadet ir-ruħ qalbu twebbset u ma tahomx widen, kif kien qalilhom il-Mulej.

**In-nemus**

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

12U l-Mulej qal lil Mosè: "Għid lil Aron, 'Hu u midd il-ħatar tiegħek u olqot bih it-trab tal-art u jinbidel f'nemus fl-art kollha tal-Eġittu.' "

13U għamlu hekk; Aron midd idu bil-ħatar u laqat it-trab tal-art u sar nemus fuq in-nies u l-bhejjem, għax it-trab tal-art sar nemus fl-art kollha tal-Eġittu.

14U s-saħħara għamlu l-istess bis-sħarijiet tagħhom biex joħorġu n-nemus mit-trab, iżda ma setgħux. In-nemus kien fuq in-nies u l-bhejjem.

15U s-saħħara qalu lill-Fargħun: "Is-saba' ta' Alla dan!". Iżda qalb il-Fargħun twebbset u ma tahomx widen, bħalma kien qalilhom il-Mulej.

### Id-dubbien

16U l-Mulej qal lil Mosè: "Qum filgħodu kmieni u mur quddiem il-Fargħun, ara, hu joħroġ lejn ix-xmara u inti għidlu: 'Dan jgħid il-Mulej: Ibgħat il-poplu tiegħi biex jagħtini qima.

17Għax jekk ma tibgħatx il-poplu tiegħi, arani, se nibgħatlek id-dubbien, lilek u lill-qaddejja tiegħek u l-poplu tiegħek u fid-djar tiegħek; u jimtlew id-djar tal-Eġittu bid-dubbien u wkoll l-art li huma fuqha.

18Dakinhar nifred l-art ta' Gosen, li fiha qiegħed jgħix il-poplu tiegħi, sabiex hemm ma jkunx hemm dubbien, biex tkun taf li jien il-Mulej f'nofs l-art.

19U jien nagħmel għażla bejn il-poplu tiegħi u bejn il-poplu tiegħek; u dan is-sinjal iseħħ għada.' "

20U hekk għamel il-Mulej; u daħlu qtajja' ta' dubbien fid-dar tal-Fargħun, fid-djar tal-qaddejja tiegħu, u fl-art kollha tal-Eġittu, u tħassret l-art minħabba d-dubbien.

21Il-Fargħun sejjaħ lil Mosè u 'l Aron u qalilhom: "Morru u offru sagrifiċċji lil Alla tagħkom fil-pajjiż."

22U Mosè wieġeb: "Mhux sewwa li nagħmlu dan, għaliex ma togħġobx lill-Eġizzjani li aħna noffru s-sagrifiċċji lill-Mulej, Alla tagħna. U jekk aħna noffru xi ħaġa quddiemhom, li jistkerrhu l-Eġizzjani, ma jħaġġruniex?

23Ħalli mmorru tlitt ijiem 'il bogħod fid-deżert, u noffru s-sagrifiċċji lill-Mulej, Alla tagħna, kif jgħidilna hu."

24U l-Fargħun wieġeb: "Jiena se nħallikom tmorru u intom toffru s-sagrifiċċji lill-Mulej, Alla tagħkom, fid-deżert. Biss tmorrux 'il bogħod wisq, u itolbu għalija."

25U Mosè wieġeb: "Arani, jien ħiereġ minn quddiemek u nitlob lill-Mulej għalik biex id-dubbien jitlaq lill-Fargħun u l-qaddejja tiegħu u l-poplu tiegħu, għada stess. Biss il-Fargħun ma għandux ikompli jqarraq bina, billi ma jħallix il-poplu jitlaq u jmur joffri s-sagrifiċċji lill-Mulej."


© 2020 Malta Bible Society.

26U Mosè ħareġ minn quddiem il-Fargħun u talab lill-Mulej.

27U l-Mulej għamel kulma qallu Mosè, u d-dubbien warrab mingħand il-Fargħun,
u l-qaddejja tiegħu, u minn fuq il-poplu; u lanqas waħda ma baqgħet.

28Iżda qalb il-Fargħun reġgħet twebbset din id-darba wkoll, u ma telaqx il-poplu.

## Eżodu 9

### Il-pesta

1Il-Mulej kellem lil Mosè: "Mur għand il-Fargħun u għidlu: 'Hekk jgħid il-Mulej,
Alla tal-Għebrej: Itlaq lill-poplu tiegħi ħalli jagħtini qima.

2Għaliex jekk inti ma tridx titlaqhom u tibqa' żżommhom,

3id il-Mulej tinżel fuqek u ġġiblek pesta qalila fuq l-imrieħel tiegħek li hemm fir-
raba', u ż-żwiemel, il-ħmir, l-iġmla, il-baqar u n-nagħaġ.

4Imma l-Mulej jagħmel għażla bejn l-imrieħel ta' Iżrael u l-imrieħel tal-Eġittu, u
xejn ma jmut minn dak li hu ta' wlied Iżrael.' "

5U l-Mulej għażel iż-żmien u qal: "Għada l-Mulej jagħmel dan fl-art."

6U l-għada l-Mulej għamel dan. U mietu l-imrieħel kollha tal-Eġittu, u mill-
imrieħel ta' wlied Iżrael ma miet ħadd.

7U l-Fargħun bagħat jara; u, ara, ma kienet mietet anqas waħda mill-imrieħel ta'
Iżrael. Imma qalb il-Fargħun twebbset, u ma telaqx il-poplu.

### L-infafet

8U l-Mulej qal lil Mosè u 'l Aron: "Ħudu daqs ponn irmied tal-kenur, u ħalli Mosè
jtajru lejn is-sema quddiem il-Fargħun,

9u jsir għabra għal fuq l-art kollha tal-Eġittu, u jġib dbabar li jintefħu fi nfafet fuq
in-nies u l-bhejjem kollha fl-art tal-Eġittu."

10U ħadu l-irmied tal-kenur, u marru quddiem il-Fargħun, u Mosè tajru lejn is-
sema; u sar dbabar li jintefħu fi nfafet fuq in-nies u l-bhejjem.

11U s-saħħara ma setgħux jieqfu quddiem Mosè minħabba d-dbabar; għax id-
dbabar kienu fuq is-saħħara u fuq l-Eġizzjani kollha.

12Iżda l-Mulej webbes qalb il-Fargħun, u ma tahomx widen, kif kien qalilhom il-
Mulej.

### Is-silġ

13U l-Mulej qal lil Mosè: "Qum filgħodu kmieni u mur quddiem il-Fargħun u
għidlu: 'Dan jgħid il-Mulej, Alla tal-Għebrej: Itlaq lill-poplu tiegħi biex jagħtini
qima.


© 2020 Malta Bible Society.

14Din id-darba nerħi fuqek is-swat tiegħi kollu, fuq il-qaddejja tiegħek, u fuq il-
poplu tiegħek kollu, biex tkun taf li mhawnx bħali fl-art kollha.

15Għax kieku s'issa middejt idi, u lqatt lilek u lill-poplu tiegħek bil-pesta, kont
tkun diġà meqrud mill-art.

16Imma għalhekk jien ħallejtek tgħix, biex nurik il-qawwa tiegħi u ismi jixxandar
mal-art kollha.

17U int għadek imkabbar mal-poplu tiegħi, u ma tħallihomx jitilqu.

18Hawn issa, arani, se nibgħat għada bħalissa xita ta' silġ bil-qliel, li bħalha qatt
ma kien hawn fl-Eġittu minn mindu twaqqaf sal-lum.

19Għalhekk issa ibgħat u iġbor għall-kenn l-imrieħel u kulma għandek fir-raba',
għax ix-xita tas-silġ se tilħaq lil kull bniedem u bhima li jkunu barra fir-raba' u
ma jinġabrux id-dar, u jmutu.' "

20U mbagħad il-qaddejja tal-Fargħun, li kienu jibżgħu mill-kelma tal-Mulej,
ġabru malajr il-qaddejja u l-imrieħel tagħhom fi djarhom.

21Imma dawk li ma tawx widen għall-kelma tal-Mulej, ħallew il-qaddejja u l-
imrieħel tagħhom fir-raba'.

22U l-Mulej qal lil Mosè: "Midd idek lejn is-sema u jinżel silġ fuq l-art kollha tal-
Eġittu, fuq in-nies, fuq il-bhejjem u fuq il-ħaxix kollu tar-raba' fl-art tal-Eġittu.

23U Mosè għolla l-ħatar tiegħu lejn is-sema u l-Mulej bagħat ragħad u silġ, u nar
iżiġġ lejn l-art, u xita ta' silġ fuq l-art tal-Eġittu.

24Niżel is-silġ, in-nar żiġġ f'nofs is-silġ, kienet tempesta kbira li bħalha qatt ma
kien hemm minn mindu l-Eġittu sar poplu.

25Is-silġ laqat l-art kollha tal-Eġittu u ħarbat kulma kien hemm fir-raba', min-
nies sal-bhejjem u l-ħaxix kollu tar-raba' u s-siġar kollha tar-raba', kissirhom is-
silġ.

26Biss fl-art ta' Gosen, fejn kien hemm ulied Iżrael, ma kienx hemm silġ.

27Il-Fargħun bagħat għal Mosè u Aron, u qalilhom: "Din id-darba għandi ħtija. Il-
Mulej għandu raġun, u jien u l-poplu tiegħi huma l-ħatja.

28Itolbu lill-Mulej, għax kien hawn biżżejjed ragħad ta' Alla u silġ; jien nitlaqkom
u ma toqogħdux aktar hawn."

29U Mosè wieġbu: "Malli noħroġ mill-belt ngħolli idejja lejn il-Mulej; ir-ragħad
jieqaf, u s-silġ ma jinżilx aktar, biex tkun taf li l-art hi tal-Mulej.

30Iżda jien naf li int u l-qaddejja tiegħek għadkom ma tibżgħux mill-Mulej Alla."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

31Il-kittien u x-xgħir tħarbtu, għaliex ix-xgħir kien bis-sbul u l-kittien kien bl-
inwar.

32Imma l-qamħ u l-ġulbiena ma ġralhom xejn, għax dawn isiru fl-aħħar.

33Mosè telaq minn quddiem il-Fargħun, u ħareġ mill-belt, u għolla idejh lejn il-
Mulej, u waqaf ir-ragħad; u s-silġ u x-xita ma niżlux aktar fuq l-art.

34Malli l-Fargħun ra li x-xita u r-ragħad u s-silġ waqfu, kompla jidneb u webbes
qalbu, hu u l-qaddejja tiegħu.

35U qalb il-Fargħun twebbset, u ma telaqx lil ulied Iżrael - kif kien qal il-Mulej
permezz ta' Mosè.

# Eżodu 10

### Il-ġradijiet

1Il-Mulej qal lil Mosè: "Mur għand il-Fargħun, għax jien webbistlu qalbu u qalb
il-qaddejja tiegħu, biex nagħmel dawn is-sinjali tiegħi f'nofshom,

2u biex ixxandar u ssamma' f'widnejn ibnek u wlied ibnek li jien qgħadt
nitliegħeb bl-Eġizzjani, u s-sinjali li jien għamilt ġo nofshom, sabiex tkun tafu li
jien il-Mulej."

3U Mosè u Aron marru għand il-Fargħun u qalulu: "Dan jgħid il-Mulej, Alla tal-
Għebrej: 'Kemm se ddum ma tbaxxi rasek quddiemi? Itlaq lill-poplu tiegħi biex
iqimni.

4Jekk inti tibqa' ma tridx tibgħat lill-poplu tiegħi, arani, għada nġib il-ġradijiet fl-
art ta' pajjiżek.

5U huma jiksu wiċċ l-art, u ħadd ma jkun jista' jaraha, u jieklu minn dak li
ħallielkom is-silġ, u jieklu kull siġra li tikbrilkom fir-raba'.

6U jimlewlek djarek u d-djar tal-qaddejja tiegħek u d-dar ta' kull Eġizzjan; ħaġa
li qatt ma raw missirijietek, u missier missirijietek minn mindu ilkom fuq l-art
sal-lum.' " U Mosè dawwar wiċċu u ħareġ minn quddiem il-Fargħun.

7U l-qaddejja tal-Fargħun qalulu: "Kemm se jdum ifixkilna dan il-bniedem? Itlaq
l-irġiel ħa jmorru jagħtu qima lill-Mulej Alla tagħhom. Għadek ma fhimtx li l-
Eġittu se jsir ħerba?"

8U Mosè u Aron reġgħu lura għand il-Fargħun u qalilhom: "Morru agħtu qima
lill-Mulej tagħkom. Imma min huma dawk li sejrin?"

9U Mosè wieġeb: "Aħna sejrin biż-żgħażagħ u x-xjuħ tagħna, b'uliedna, bis-
subien u l-bniet tagħna, bin-nagħaġ u l-baqar tagħna. Għax għalina din hi l-festa
tal-Mulej."


© 2020 Malta Bible Society.

10 U hu weġibhom: “Hekk ikun! Daqs kemm hu l-Mulej magħkom, ma nitlaqx lilkom u liż-żgħar tagħkom. Ħsieb ħażin għandkom f’raskom!

11 Mhux hekk, jitilqu biss l-irġiel u jagħtu qima lill-Mulej, għax dan li intom tridu.” U keċċewhom minn quddiem il-Fargħun.

12 U l-Mulej qal lil Mosè: “Midd idek fuq l-art tal-Eġittu biex jiġu l-ġradijiet fuq l-art tal-Eġittu, u jieklu l-ħaxix kollu tal-art, u kulma ħalla sħiħ is-silġ.”

13 U Mosè medd il-ħatar tiegħu fuq l-art tal-Eġittu; il-Mulej qajjem riħ mix-Xlokk il-jum u l-lejl kollu, mas-sebħ ir-riħ mix-Xlokk kien ġieb il-ġradijiet.

14 U l-ġradijiet telgħu fuq l-art tal-Eġittu, u strieħu fuq ir-raba’ kollu tal-Eġittu, kotra kbira ħafna, li bħalha qatt ma kien hemm qabel, u anqas ikun hemm wara.

15 U ksew wiċċ l-art kollha. L-art iddallmet bihom, u kielu l-ħaxix kollu tal-art, u l-frott tas-siġar kollha li kien ħalla s-silġ, u ma baqax werqa ħadra mis-siġar u mill-ħaxix tar-raba’ fl-art kollha tal-Eġittu.

16 Il-Fargħun bagħat malajr għal Mosè u Aron u qalilhom: “Dnibt kontra l-Mulej, Alla tagħkom, u kontra tagħkom.

17 U issa aħfruli dnubi għal din id-darba, u itolbu lill-Mulej, Alla tagħkom, li jwarrab minn quddiemi din il-qerda.”

18 U telqu minn quddiem il-Fargħun u talbu lill-Mulej,

19 u l-Mulej qajjem riħ qawwi mill-baħar u rafa’ l-ġradijiet, u ġarrhom għal Baħar il-Qasab; u ma baqax ġrad wieħed fl-art kollha tal-Eġittu.

20 U webbes il-Mulej qalb il-Fargħun; u dan lil ulied Iżrael ma telaqhomx.

### Id-dlam

21 U l-Mulej qal lil Mosè: “Erfa’ idek lejn is-sema, ħa taqa’ dalma fuq l-Eġittu, dalma li tmissha b’idejk.”

22 U Mosè għolla idu lejn is-sema, u sar dlam ċappa, fl-art kollha tal-Eġittu għal tlitt ijiem.

23 Ma kinux jaraw wieħed lil ieħor, u ħadd ma qam għal tlitt ijiem sħaħ minħabba d-dlam. U fejn kienu joqogħdu wlied Iżrael kien hemm id-dawl.

24 U l-Fargħun bagħat għal Mosè u qallu: “Morru agħtu qima lill-Mulej. Biss in-nagħaġ u l-baqar tagħkom ħalluhom warajkom, ħudu magħkom ’l uliedkom biss.”

25 U Mosè wieġeb: “Int ikollok tagħtina wkoll f’idejna vittmi għas-sagrifiċċji u l-offerti, biex noffruhom lill-Mulej, Alla tagħna.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

26L-imrieħel tagħna wkoll għandhom jiġu magħna; ma għandu jibqa' anqas difer
wieħed, għax minnhom irridu nieħdu biex nagħtu qima lill-Mulej; u aħna ma
nafux biex se nqimu lill-Mulej qabel ma naslu hemm."

27Imma l-Mulej webbes qalb il-Fargħun u ma riedx jitlaqhom.

28U l-Fargħun qallu: "Itlaq minn quddiemi. Qis li ma tiġix iżjed tara 'l wiċċi, għax
dak in-nhar li tara 'l wiċċi tmut."

29U Mosè wieġeb: "Kif għedt int. Wiċċek aktar ma narahx."

## Eżodu 11

### Tħabbira tal-aħħar kastig

1U l-Mulej qal lil Mosè: "Baqagħli kastig ieħor x'inġib fuq il-Fargħun u l-Eġittu, u
wara dan jibgħatkom minn hawn. U meta jħallikom tmorru, ikeċċikom minn
hawn għalkollox.

2Kellem mela lin-nies u għidilhom biex jitolbu, kull raġel mingħand ħabibu, u
kull mara mingħand il-ġara, ħwejjeġ tad-deheb u ħwejjeġ tal-fidda."

3U l-Mulej għamel li l-poplu jsib l-appoġġ tal-Eġizzjani. U Mosè wkoll kiber ħafna
fl-art tal-Eġittu, sew f'għajnejn il-qaddejja tal-Fargħun, sew f'għajnejn il-poplu.

4U Mosè qal: "Dan jgħid il-Mulej: Għal xi nofs il-lejl, illejla jien noħroġ f'nofs l-
Eġizzjani,

5u jmut l-iben il-kbir fid-djar tal-Eġizzjani, mill-kbir tal-Fargħun bid-dritt għat-
tron sal-kbir tal-ilsira, li ddawwar il-mitħna; u kull ferħ tal-ewwel tal-bhejjem.

6U jkun hemm twerżiqa waħda kbira fl-art kollha tal-Eġittu, li bħalha la qatt kien
hawn, u anqas ikun hawn.

7U kontra wlied Iżrael lanqas kelb ma jinbaħ, la kontra n-nies u lanqas kontra l-
bhejjem; biex tkunu tafu li l-Mulej għamel għażla bejn l-Eġizzjani u bejn ulied
Iżrael.

8U dawn il-qaddejja tiegħek kollha jinżlu u jmilu quddiemi u jgħidu: 'Oħroġ int u
l-poplu kollu li jimxi warajk!' Imbagħad wara dan noħroġ jien." U Mosè ħareġ
b'saħna minn quddiem il-Fargħun.

9U l-Mulej qal lil Mosè: "Il-Fargħun ma jagħtikomx widen, biex l-għeġubijiet kbar
tiegħi jitkattru fl-Eġittu."

10U Mosè u Aron għamlu dawn l-għeġubijiet kollha quddiem il-Fargħun. Imma l-
Mulej webbes qalb il-Fargħun, u dan ma telaqx lil ulied Iżrael mill-art tiegħu.

## Eżodu 12


© 2020 Malta Bible Society.

## Iċ-ċelebrazzjoni tal-Għid

1Il-Mulej kellem lil Mosè u lil Aron fl-art tal-Eġittu, u qalilhom:

2"Dan ix-xahar ikun għalikom l-ewwel fost ix-xhur, ikunilkom l-ewwel xahar tas-sena.

3Kellem lill-ġemgħa kollha ta' Iżrael, u għidilhom: Fl-għaxra ta' dan ix-xahar kull wieħed minnkom jieħu ħaruf kull familja, wieħed kull dar.

4Jekk il-familja tkun żgħira wisq biex tikluh kollu, wieħed jieħu l-ħaruf flimkien mal-ġar tiegħu, l-eqreb lejn daru, skont in-numru tan-nies; skont kemm kull wieħed jiflaħ jiekol, hekk tqisuh il-ħaruf.

5Il-ħaruf ikun bla difett, raġel, ta' dik is-sena. Tistgħu tieħdu min-nagħaġ jew mill-mogħoż.

6Intom iżżommuh sal-erbatax ta' dax-xahar, meta l-ġemgħa kollha ta' dar Iżrael toqtlu bejn inżul ix-xemx u d-dlam.

7Imbagħad jieħdu mid-demm tiegħu, u jroxxuh fuq il-ġnub u l-blata tal-bibien tad-djar fejn ikunu se jikluh.

8F'dik il-lejla għandhom jieklu l-laħam mixwi, b'ħobż bla ħmira, u b'ħaxix morr.

9Tieklu xejn minnu nej jew mgħolli fl-ilma, imma mixwi: rasu, riġlejh, u l-ġewwieni.

10U tħallu xejn għal filgħodu; kulma jibqa' għal filgħodu aħarquh.

11U tikluh hekk: qaddejkom imħażżma, bil-qorq f'riġlejkom u l-ħatar f'idejkom; u tikluh bl-għaġla. Din hi l-mogħdija tal-Mulej.

12Għax dak il-lejl jiena ngħaddi mill-art tal-Eġittu u nidrob 'il kull min hu l-ewwel fost l-imweldin fl-art tal-Eġittu, bnedmin u bhejjem, u nagħmel ħaqq mill-allat kollha tal-Eġittu: Jien, Jaħweh.

13Id-demm ikun bħala sinjal tagħkom fuq id-djar fejn tkunu, u jien xħin nara d-demm nibqa' għaddej, u ebda marda ma tiġi teqridkom meta jien nidrob l-art tal-Eġittu.

14Dak il-jum ikun għalikom jum ta' tifkira, u intom tħarsuh bħala festa tal-Mulej; iżżommu din l-osservanza bħala liġi għaż-żminijiet kollha li ġejjin.

15Għal sebat ijiem tieklu ħobż ażżmu. Fl-ewwel jiem twarrbu l-ħobż bil-ħmira minn djarkom. Għax kulmin jiekol ħobż bil-ħmira, mill-ewwel jum sas-seba' jum, ikun maqtugħ minn Iżrael.

16Fl-ewwel jum ikollkom laqgħa mqaddsa, u laqgħa mqaddsa oħra fis-seba' jum. F'dawk il-jumejn ma jsir ebda xogħol; tistgħu tlestu dak biss li wieħed irid biex jiekol.


© 2020 Malta Bible Society.

17U tħarsu żmien l-ażżmi għax sewwasew dak in-nhar ħriġtu l-qtajja' tagħkom mill-Eġittu. U intom tħarsu dan il-jum minn nisel għal nisel, u din hi liġi għal dejjem.

18Fl-ewwel xahar, fl-erbatax tax-xahar filgħaxija, tieklu ħobż bla ħmira, u hekk tibqgħu tieklu sal-wieħed u għoxrin tax-xahar filgħaxija.

19Għal sebat ijiem ma għandu jkun hemm ebda ħobż bil-ħmira fi djarkom. Għaliex kull min jiekol ħobż bil-ħmira, dan ikun maqtugħ mill-ġemgħa ta' Iżrael, sewwa l-barrani, sewwa dak li jkun imwieled fl-art.

20Tieklu xejn bil-ħmira, kulu l-ażżmu fl-għamajjar kollha tagħkom."

### L-ikla tal-Għid

21U Mosè sejjaħ lix-xjuħ kollha ta' Iżrael u qalilhom: "Aqbdu u ħudu ħaruf għal kull familja tagħkom, u oqtlu l-ħaruf tal-Għid.

22Hudu qabda żuf u billuh fid-demm fil-bieqja u ċappsu l-blata u l-ġnub tal-bieb bid-demm ta' ġol-bieqja. Hadd minnkom ma joħroġ mill-bieb ta' daru 'l barra qabel filgħodu.

23Għax il-Mulej se jgħaddi biex jidrob l-Eġizzjani; imma meta jara d-demm mal-blata u l-ġnub tal-bieb, il-Mulej jaqbeż lil bwiebkom u ma jħallix lill-qerried jidħol jidrobkom fi djarkom.

24Intom iżżommu dan b'liġi għalikom u għal uliedkom għal dejjem.

25U meta tidħlu fl-art li l-Mulej għad jagħtikom, bħalma wiegħed, żommu din id-drawwa.

26Meta mbagħad uliedkom jistaqsukom: 'X'inhi din id-drawwa?'

27intom tweġbuhom: 'Dan hu s-sagrifiċċju tal-Għid tal-Mogħdija tal-Mulej, meta hu baqa' għaddej minn nofs id-djar ta' wlied Iżrael fl-Eġittu meta darab lill-Eġizzjani, iżda ħeles lil djarna.' " Miel il-poplu u ta qima b'wiċċu fl-art.

28U wlied Iżrael marru lejn darhom u hekk għamlu: għamlu bħalma Alla kkmanda lil Mosè u lil Aron.

### Il-qerda tal-ulied il-kbar

29Ġara li f'nofs il-lejl il-Mulej darab 'l ulied il-kbar fl-art tal-Eġittu, mit-tifel il-kbir tal-Fargħun bid-dritt għat-tron sal-kbir tal-ilsir ġewwa l-ħabs, u kull ferħ tal-ewwel tal-bhejjem.

30U l-Fargħun qam billejl, hu u l-qaddejja tiegħu, u l-Eġizzjani kollha, u telgħet twerżiqa waħda kbira mill-Eġittu, għax ma kienx hemm dar li ma kienx hemm xi mejjet fiha.


© 2020 Malta Bible Society.

31Imbagħad sejjaħ lil Mosè u ’l Aron billejl u qalilhom: “Qumu u oħorġu ’l barra minn nofs il-poplu tiegħi, intom u wlied Iżrael; morru u aqdu lill-Mulej, kif għedtu.

32L-imrieħel u l-baqar tagħkom ħuduhom kif għedtu. Morru u bierku lili wkoll.”

33L-Eġizzjani bdew isusu fuq il-poplu, ħalli jfittxu jitilqu mill-pajjiż, għaliex qalu: “Se mmutu lkoll!”

34U l-poplu ħa l-għaġna bla ħmira, u l-lniebi misrura fl-imnatar fuq spallejhom.

35U wlied Iżrael għamlu kif qalilhom Mosè u talbu mingħand l-Eġizzjani ħwejjeġ tal-fidda u tad-deheb, u lbiesi.

36U l-Mulej għamel li l-poplu jsib l-appoġġ tal-Eġizzjani u tawhom kulma talbuhom, u hekk neżżgħu lill-Eġizzjani.

### It-tluq mill-Eġittu

37U wlied Iżrael telqu minn Ragħmses għal Sukkot, madwar sitt mitt elf raġel bil-mixi barra t-tfal.

38U telgħet magħhom kotra kbira ta’ nies, u nagħaġ, u baqar u mrieħel kbar ħafna.

39U sajru mill-għaġna li kienu ħarġu mill-Eġittu ftajjar ażżmi, għax ma kellhomx ħmira, billi keċċewhom mill-Eġittu u ma setgħux joqogħdu jitnikkru u anqas iġibu x’jieklu magħhom.

40Ulied Iżrael damu jgħammru fl-Eġittu għal erba’ mija u tletin sena.

41U wara dawn l-erba’ mija u tletin sena, dak in-nhar stess li għalqu, ħarġu l-qtajja’ kollha tal-Mulej mill-Eġittu.

42Kienet lejla ta’ sahra għall-Mulej biex ħariġhom mill-Eġittu; għalhekk dan l-istess lejl hu lejl ta’ sahra tal-Mulej għal ulied Iżrael, minn nisel għal nisel.

### Il-liġi tal-Għid

43U l-Mulej qal lil Mosè u ’l Aron: “Din hi l-liġi tal-Għid: l-ebda barrani ma jista’ jiekol mill-ħaruf tal-Għid:

44imma l-ilsir li int tixtri bil-flus jista’ jiekol minnu wara li tagħmillu ċ-ċirkonċiżjoni.

45Ebda frustier li jkun għandek jew qaddej mikri ma jista’ jiekol minnu.

46Għandu jittiekel f’dar waħda; la toħorġux laħam minnu ’l barra mid-dar, u la tkissrulu ebda għadma minnu.

47Il-ġemgħa kollha ta’ Iżrael għandha żżomm din il-liġi.


© 2020 Malta Bible Society.

48U meta xi ħadd barrani jkun għandkom u jrid jagħmel l-Għid magħkom, kull raġel li jkollu miegħu jieħu ċ-ċirkonċiżjoni, u mbagħad jersaq għall-Għid tal-Mulej, u hekk ikun bħal wieħed li twieled fil-pajjiż; ebda bniedem bla ċirkonċiżjoni ma jista' jieħu sehem fih.

49Liġi waħda jkun hemm sew għal min jitwieled fil-pajjiż, sew għal min ikun jgħammar f'nofskom."

50U hekk għamel il-poplu kollu ta' Iżrael; kif il-Mulej ordna lil Mosè u lil Aron.

51U ġara li dak in-nhar stess il-Mulej ħareġ lil ulied Iżrael mill-art tal-Eġittu bil-qtajja' kollha tagħhom.

## Eżodu 13

### Il-liġi dwar l-ulied il-kbar

1U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

2"Ikkonsagrali l-frott kollu tal-bikri, lil kull min jitwieled l-ewwel mill-ġuf minn fost ulied Iżrael, fin-nies u fil-bhejjem, għax tiegħi hu."

### Il-festa tal-Ażżmi

3U Mosè qal lill-poplu: "Ftakru f'dan il-jum, li fih ħriġtu mill-Eġittu, minn dar il-jasar. B'id qawwija ħariġkom il-Mulej minn hemm. Ma jittiekel xejn bil-ħmira.

4Illum intom ħierġa fix-xahar ta' Abib.

5U l-Mulej iwassalkom fl-art tal-Kangħanin, il-Hittin u l-Amurrin, il-Hiwwin u l-Ġebusin, l-art li hu ħalef lil missirijietkom li jagħtihielek, art tnixxi ħalib u għasel; għalhekk ibqgħu ħarsu din id-drawwa f'dan ix-xahar.

6Għal sebat ijiem int tiekol ħobż ażżmu u fis-seba' jum tagħmel festa lill-Mulej.

7Ħobż ażżmu għandu jittiekel f'dawn is-sebat ijiem u ma għandu jidher ebda ħobż bil-ħmira għandek, u ebda ħmira fil-wesgħa kollha ta' artek.

8U dak in-nhar għandek tgħid lil ibnek: 'Dan nagħmlu talli għamel il-Mulej miegħi, meta ħariġni mill-Eġittu.'

9U din tkun għalik sinjal fuq idek, u tifkira bejn għajnejk, biex il-liġi tal-Mulej tkun fuq fommok; għax il-Mulej kellu juri l-qawwa ta' driegħu biex ħarġek mill-Eġittu.

10Int iżżomm din il-liġi fi żmienha, minn sena għal sena.

### L-offerta tal-ewwel wild

11"U wara li l-Mulej iġibek fl-art tal-Kangħanin kif ħalef lilek u lil missirijietek, u jagħtihielek,


© 2020 Malta Bible Society.

[12]inti twarrab għall-Mulej kulma jitwieled l-ewwel minn mara. Il-frieħ tal-ewwel, irġiel, ikunu tal-Mulej.

[13]Kull l-ewwel ferħ ta' kull ħmar int tifdih b'ħaruf, u jekk ma tifdihx iksirlu għonqu. Inti tifdi kull l-ewwel iben minn uliedek.

[14]U jekk 'il quddiem ibnek għad jistaqsik: 'X'ifisser dan?' int tgħidlu: 'Il-Mulej ħariġna mill-Eġittu, mill-art tal-jasar, bil-qawwa ta' drigħu.

[15]U meta l-Fargħun b'xejn ma ried jitlaqna, il-Mulej qatel kull imwieled l-ewwel fl-art tal-Eġittu, l-imwieled l-ewwel sew tal-bnedmin, sew tal-bhejjem. Għalhekk jien noffri b'sagrifiċċju lill-Mulej kull raġel li jitwieled l-ewwel, u kull l-ewwel wild ta' wliedi nifdih.'

[16]U dan ikun b'sinjal fuq idek u mdendel bejn għajnejk; għaliex il-Mulej bil-qawwa ta' drigħu ħarġek mill-art tal-Eġittu."

### Lejn Baħar il-Qasab

[17]Meta l-Fargħun ħalla l-poplu jitlaq, Alla ma għaddihomx mit-triq li taqsam l-art tal-Filistin, għalkemm kienet qrib. Alla qal: "Inkella l-poplu jindem malli jiltaqa' ma' taqbida, u jerġa' lura lejn l-Eġittu."

[18]Imma Alla dawwar il-poplu għat-triq fid-deżert lejn Baħar il-Qasab, u l-poplu ħareġ mill-art tal-Eġittu, u telgħu wlied Iżrael, imqassmin għall-ġlied, mill-art tal-Eġittu.

[19]U Mosè ħa miegħu l-għadam ta' Ġużeppi, għaliex Ġużeppi kien ġiegħel lil ulied Iżrael jaħilfu li jagħmlu dan meta qalilhom: "Alla għad iżurkom, u intom għandkom iġġorru għadmi magħkom minn hawnhekk."

[20]U telqu minn Sukkot, u waqfu f'Etam, f'tarf id-deżert.

[21]U l-Mulej binhar kien jimxi quddiemhom f'kolonna ta' sħab biex jurihom it-triq u billejl f'kolonna tan-nar biex jagħtihom id-dawl, u b'hekk setgħu jimxu billejl u binhar.

[22]U l-kolonna tas-sħab binhar u l-kolonna tan-nar billejl ma kinitx tgħib minn quddiem il-poplu.

## Eżodu 14

[1]Imbagħad il-Mulej kellem lil Mosè:

[2]"Għid lil ulied Iżrael jerġgħu lura u jieqfu quddiem Piħaħirot, bejn Migdol u bejn il-baħar, quddiem Bagħal-sefon; twaqqfu l-kamp biswitu sewwa, ħdejn il-baħar.

[3]Il-Fargħun jgħid għal ulied Iżrael: 'Intilfu fl-art u għalaqhom minn kull naħa fid-deżert.'

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

4 U jien inwebbes qalb il-Fargħun, u jiġi għal warajkom, u jien nuri l-glorja tiegħi fuq il-Fargħun u l-eżerċtu tiegħu, u jkunu jafu l-Eġizzjani li jien il-Mulej." U hekk għamlu.

5 Meta lis-sultan tal-Eġittu qalulu li kienu ħarbu, il-Fargħun u l-qaddejja tiegħu biddlu fehemthom dwar il-poplu u qalu: "X'morna għamilna u bgħatna lil Iżrael biex issa ma jaħdmilniex iżjed."

6 U ħejja l-karru tiegħu, u ħa l-poplu tiegħu miegħu.

7 U ħa sitt mitt karru magħżula u l-karrijiet kollha tal-Eġizzjani b'fizzjali fuqhom ilkoll.

8 U l-Mulej webbes qalb il-Fargħun, sultan tal-Eġittu, u dan għamel għal wara wlied Iżrael huma u sejrin b'rashom merfugħa.

9 U ħarġu għalihom l-Eġizzjani bil-kavallerija tal-Fargħun - żwiemel, karrijiet u rikkieba bl-eżerċtu kollu - u laħquhom ħdejn il-baħar fejn kienu waqqfu l-kamp, ħdejn Piħaħirot, biswit Bagħal-sefon.

10 Meta l-Fargħun kien qorob lejhom, ulied Iżrael refgħu għajnejhom u raw l-Eġizzjani resqin lejhom. Ulied Iżrael qabadhom biża' kbir u sejħu lill-Mulej.

11 U mbagħad qalu lil Mosè: "Jaqaw ma kienx hemm oqbra fl-Eġittu biex ħriġtna mmutu fid-deżert? X'għamiltilna, biex ħriġtna mill-Eġittu?

12 Ma għednilekx aħna fl-Eġittu: 'Hallik minna, ħallina naħdmu għall-Eġizzjani?' Aħjar naħdmu fl-Eġittu milli mmutu fid-deżert!"

13 Mosè wieġeb lill-poplu: "La tibżgħux! Żommu sħiħ, u taraw is-salvazzjoni li se jġibilkom illum il-Mulej. L-Eġizzjani, li qegħdin taraw illum, ma tarawhom qatt aktar.

14 Il-Mulej jitqabad għalikom, mingħajr xejn ma tagħmlu intom."

15 Il-Mulej qal lil Mosè: "Għax issejjaħ lili? Għid lil ulied Iżrael jerfgħu t-tined tagħhom u jitilqu.

16 U int għolli l-ħatar tiegħek, u midd idek fuq il-baħar u oforqu. Ulied Iżrael, imbagħad, jaqsmu fin-niexef f'nofs il-baħar.

17 U ara, jiena nwebbes il-qalb tal-Eġizzjani biex jgħaddu warajkom, u nuri l-glorja tiegħi permezz tal-Fargħun u l-eżerċtu tiegħu kollu, bil-karrijiet u r-rikkieba tiegħu.

18 U mbagħad ikunu jafu l-Eġizzjani li jiena l-Mulej, meta nuri l-glorja tiegħi permezz tal-Fargħun, bil-karrijiet u r-rikkieba tiegħu."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

19U mbagħad l-anġlu ta' Alla, li kien miexi quddiem it-tined ta' Iżrael, telaq u mar
warajhom, u l-kolonna ta' sħab minn quddiemhom marret qagħdet warajhom, u
ġiet bejn it-tined tal-Eġizzjani u t-tined ta' Iżrael.

20Kien hemm is-sħaba u d-dlam, u għadda l-lejl bla ma ħadd minnhom seta'
jersaq wieħed lejn l-ieħor.

21Mosè medd idu fuq il-baħar, u l-Mulej reġġa' lura l-baħar b'riħ qawwi mil-
Lvant matul il-lejl kollu; il-baħar ixxotta u l-ilmijiet inferqu.

### Jaqsmu l-baħar

22U mbagħad ulied Iżrael daħlu fin-niexef f'nofs il-baħar; l-ilmijiet kienu
għalihom qishom ħitan fuq il-lemin u fuq ix-xellug.

23L-Eġizzjani marru warajhom, u daħlu f'nofs il-baħar, iż-żwiemel kollha tal-
Fargħun, il-karrijiet u r-rikkieba tiegħu.

24Fis-sahra ta' filgħodu, il-Mulej minn ġol-kolonna tan-nar u s-sħaba xeħet ħarsa
fuq it-tined tal-Eġizzjani, u ħarbathom.

25U xekkel ir-roti tagħhom u bit-tbatija setgħu jmexxuhom. U mbagħad l-
Eġizzjani bdew jgħajtu: "Ħa naħarbu minn quddiem Iżrael, għaliex il-Mulej
qiegħed jiġġieled kontra l-Eġizzjani!"

26Il-Mulej qal lil Mosè: "Midd idek fuq il-baħar, u l-ilma jerġa' lura fuq l-Eġizzjani,
bil-karrijiet u r-rikkieba tagħhom."

27U Mosè medd idu fuq il-baħar. U ma' sbieħ il-jum il-baħar raġa' lura fejn kien
qabel, u l-Eġizzjani, huma u jaħarbu, sabu ruħhom fih. Hekk il-Mulej gerbibhom
f'nofs l-ilma.

28L-ilmijiet reġgħu lura u għarrqu l-karrijiet u r-rikkieba tal-eżerċtu kollu tal-
Fargħun li kienu ġejjin warajhom fil-baħar. Anqas wieħed ma baqa' minnhom.

29U wlied Iżrael għaddew fin-niexef f'nofs il-baħar, u l-ilmijiet kienu għalihom
bħal ħitan wieħed fuq il-lemin u l-ieħor fuq ix-xellug.

30Dak in-nhar il-Mulej salva lil Iżrael minn id l-Eġizzjani, u Iżrael ra l-Eġizzjani
mejta fuq xatt il-baħar.

31Ra Iżrael kulma għamel il-Mulej lill-Eġizzjani bil-qawwa ta' driegħu. U beża' l-
poplu mill-Mulej, u emmen fil-Mulej u f'Mosè, il-qaddej tiegħu.

## Eżodu 15

### L-għanja ta' Mosè


© 2020 Malta Bible Society.

1U mbagħad Mosè, flimkien ma' wlied Iżrael, għanna din l-għanja lill-Mulej, u qalu: "Ngħanni lill-Mulej, għax tkabbar bis-sħiħ. Żwiemel u rikkieba waddabhom fil-baħar.

2Qawwieti u għanjieti l-Mulej: għalija sar is-salvazzjoni. Dan hu Alla tiegħi, u lilu nfaħħar; Alla ta' missieri, u lilu ngħolli!

3Il-Mulej gwerrier, Jaħweh ismu!

4L-imriekeb tal-Fargħun u qawwietu tefagħhom fil-baħar; l-aħjar fost il-gwerriera tiegħu f'Baħar il-Qasab għarraqhom!

5Belagħhom l-irdum, bħal ġebla niżlu fil-qiegħ.

6Lemintek, Mulej, issebbħet fil-qawwa, lemintek, Mulej, tfarrak il-għadu.

7Bil-kobor ta' sebħek ixxejjen 'il min iqum għalik. L-għadab tiegħek terħih jiblagħhom bħat-tiben.

8Man-nifs ta' għadbek inġemgħu l-ilmijiet; bħal gzuz twaqqfu l-gliegel; għaqdu fil-qalba tal-baħar l-imwieġ.

9U l-għadu qal: 'Niġri għal warajhom u nilħaqhom; naħtaf il-priża u xewqti naqta'; nislet is-sejf u idi teqridhom.'

10Infaħt b'nifsek, u l-baħar għattiehom. U għerqu bħaċ-ċomb fil-qawwa tal-baħar.

11Min hu bħalek, Mulej, fost l-allat? Min hu bħalek? Int kbir fil-qdusija, tal-biża' fit-tifħir, int li tagħmel l-għeġubijiet.

12Meddejt lemintek, u belgħethom l-art.

13Bi tjubitek mexxejt dan il-poplu li int fdejt; b'ħiltek mexxejtu lejn l-għamara qaddisa tiegħek.

14Semgħu l-ġnus u triegħdu: uġigħ qabadhom il-Filistin,

15tħawdu l-kbarat ta' Edom, qabdithom rogħda l-qawwijin ta' Mowab, dabu bil-biża' n-nies kollha ta' Kangħan.

16Ha jaqgħu fuqhom biża' u tregħid; għall-kobor ta' driegħek jitbikkmu bħal ġebla; sa ma jgħaddi l-poplu tiegħek, Mulej; sa ma jgħaddi dan il-poplu li int ksibt għalik.

17Twassalhom u tħawwilhom fuq il-muntanja, il-wirt tiegħek; l-imkien, Mulej, li int għamiltu għamartek; il-maqdes, Sidi, li ħejjew idejk.

18Il-Mulej isaltan għal dejjem ta' dejjem."

**L-għanja ta' Mirjam**


© 2020 Malta Bible Society.

19 Malli ż-żwiemel tal-Fargħun bil-karrijiet u r-rikkieba tiegħu niżlu fl-ilma, il-Mulej reġġa' lura għal fuqhom l-ilma tal-baħar, u wlied Iżrael għaddew fin-niexef f'nofs il-baħar.

20 U Mirjam, il-profetessa, oħt Mosè u Aron, qabdet it-tanbur f'idejha u ħarġu n-nisa warajha bit-tnabar u ż-żfin.

21 U Mirjam kienet tweġibhom: "Għannu lill-Mulej, għax tkabbar bis-sħiħ. Żwiemel u rikkieb fil-baħar waddabhom."

### Fid-deżert ta' Sur

22 Imbagħad Mosè mexxa lil Iżrael minn Baħar il-Qasab, u ħarġu lejn id-deżert ta' Sur; u damu miexja fid-deżert tlitt ijiem u ma sabux ilma.

23 Waslu f'Mara u ma setgħux jixorbu l-ilma minn Mara għax kien morr. Għalhekk semmewha 'Mara'.

24 U l-poplu beda jgemgem għal Mosè u jgħid: "X'se nixorbu?"

25 U Mosè sejjaħ lill-Mulej; u l-Mulej urieh biċċa għuda u xeħitha fl-ilma, u l-ilma sar ħelu. Hemm tahom liġi u ordni, u hemm ġarrabhom.

26 U qalilhom: "Jekk tisma' sewwa l-leħen tal-Mulej Alla tiegħek, u tagħmel dak li hu tajjeb f'għajnejh, u tagħti widen għat-twissijiet tiegħu u tħares kull liġi tiegħu, l-ebda marda milli biha lqatt lill-Eġizzjani ma nġib fuqek, għax jien il-Mulej li nfejqek."

27 U waslu f'Elim fejn kien hemm tnax-il għajn tal-ilma u sebgħin siġra tat-tamar, u waqqfu hemm it-tined ħdejn l-ilma.

## Eżodu 16

### Fid-deżert ta' Sin

1 Minn Elim, il-ġemgħa kollha ta' wlied Iżrael refgħu t-tined tagħhom u, fil-ħmistax-il jum tat-tieni xahar minn ħruġhom mill-art tal-Eġittu, waslu fid-deżert ta' Sin, li jinsab bejn Elim u s-Sinaj.

2 Fid-deżert, il-ġemgħa kollha ta' wlied Iżrael bdew igergru kontra Mosè u Aron.

3 Ulied Iżrael qalulhom: "Mhux li mitna b'id il-Mulej fl-art tal-Eġittu, meta konna ħdejn il-borom tal-laħam u konna nieklu ħobż bix-xaba'! Ħriġtuna f'dan id-deżert biex toqtlu bil-ġuħ din il-ġemgħa kollha!"

4 Il-Mulej imbagħad qal lil Mosè: "Ara, se nibagħtilkom xita ta' ħobż mis-sema. Il-poplu kollu joħroġ u jiġbor minn jum għal ieħor kemm ikun jenħtieġ għall-ġurnata, biex hekk inġarrabhom u nara jimxux mal-liġi tiegħi jew le.


© 2020 Malta Bible Society.

5Fis-sitt jum, imbagħad, meta jkunu jħejju x'se jieħdu magħhom, iqisu li jkun darbtejn aktar minn dak li jiġbru kuljum."

6U Mosè u Aron qalu lil ulied Iżrael kollha: "Filgħaxija tkunu tafu li l-Mulej ħariġkom mill-art tal-Eġittu.

7U għada filgħodu taraw il-glorja tal-Mulej, għax hu sama' t-tgemgim tagħkom kontra l-Mulej. Aħna x'aħna biex tgergru kontra tagħna?"

8U qal Mosè: "Il-Mulej jagħtikom filgħaxija laħam x'tieklu, u filgħodu ħobż biex tixbgħu, għax il-Mulej sama' t-tgergir tagħkom li intom gemgimtu kontra tiegħu - għaliex aħna x'aħna? Mhux kontrina gergirtu, imma kontra l-Mulej."

9Mosè, imbagħad, qal lil Aron: "Għid lill-ġemgħa kollha ta' Iżrael: 'Ersqu quddiem il-Mulej għax sama' t-tgergir tagħkom.' "

10U kif Aron kien ikellem lill-ġemgħa kollha ta' Iżrael, u ħarsu lejn id-deżert, hemm hi, il-glorja tal-Mulej dehret fi sħaba.

11U l-Mulej kellem lil Mosè:

12"Jien smajt it-tgergir ta' wlied Iżrael. Kellimhom u għidilhom: 'Filgħaxija tieklu l-laħam u filgħodu tixbgħu bil-ħobż. U tkunu tafu li jiena l-Mulej, Alla tagħkom.' "

13U ġara li filgħaxija dehret qatgħa summien tittajjar fl-għoli u għattiet it-tined kollha, u filgħodu kien hemm wiċċ nida madwar it-tined.

14Meta din in-nida għabet, fuq wiċċ id-deżert kien hemm xi ħaġa rqiqa qisha ġlata fuq l-art.

15Malli wlied Iżrael raw dan, bdew jgħidu wieħed lil ieħor: "Man-hu?" - Għax ma għarfux x'inhu. Mosè qalilhom: "Dan hu l-ikel li l-Mulej takom biex tieklu."

16Dan hu li l-Mulej ordnalkom: "Kull wieħed minnkom jiġbor minnha daqs kemm jista' jiekol; tieħdu daqs siegħ kull wieħed skont in-numru tan-nies li kull wieħed minnkom ikollu fit-tinda."

17U wlied Iżrael għamlu hekk, u ġabru min ftit u min ħafna.

18Meta mbagħad kejlu bis-siegħ, min kellu ħafna ma kellux iż-żejjed; u min kellu ftit ma kellux in-nieqes. Kulħadd ġabar kemm kellu bżonn.

19U Mosè qalilhom: "Ħadd ma għandu jħalli minnu għal filgħodu."

20Iżda ma semgħux minn Mosè. Xi wħud minnhom ħallew għal filgħodu, u ddewdilhom u tħassar, u Mosè għadab għalihom.

21U kienu jiġbru minnu kull filgħodu, kulħadd skont kemm kien jiekol. Malli kienet tisħon ix-xemx, kien idub.


© 2020 Malta Bible Society.

22U fis-sitt jum kienu jiġbru ħobż għal darbtejn, żewġ sigħan għal kull wieħed. Il-
kapijiet tal-ġemgħa ġew jgħidu b'dan lil Mosè.

23U hu weġibhom: "Dan qal il-Mulej: 'Għada jum il-mistrieħ kbir, mistrieħ
imqaddes lill-Mulej: Dak li għandkom taħmu, aħmuh; u dak li għandkom issajru,
sajruh; u dak li jifdal, erfgħuh għal filgħodu.' " Għalhekk refgħuh sa filgħodu

24kif wissiehom Mosè, u la tħassar u anqas iddewwed.

25U Mosè qalilhom: "Kuluh illum, għax illum hu jum il-mistrieħ għall-Mulej. Illum
ma ssibuhx fir-raba'.

26Għal sitt ijiem tiġbru minnu, iżda fis-seba' jum, jum il-mistrieħ, ma jkunx hemm
ġbir fih."

27U ġara li fis-seba' jum xi wħud mill-poplu ħarġu jiġbru, u ma sabu xejn.

28U l-Mulej qal lil Mosè: "Kemm se ddumu ma tħarsu l-kmandamenti u l-liġi
tiegħi?

29Araw, il-Mulej takom il-mistrieħ is-Sibt; għalhekk fis-sitt jum jagħtikom ikel
għal jumejn; u intom oqogħdu kull wieħed f'postu, u ma joħroġ ħadd jiġbor
minnu fis-seba' jum."

30U l-poplu kien jistrieħ fis-seba' jum.

31U dar Iżrael semmiet dan l-ikel: 'Manna'; kienet qisha bħal żerriegħa bajda tal-
kożbor, u t-togħma tagħha kienet bħal ftira bl-għasel.

32U Mosè qal: "Dan li jikkmandakom il-Mulej: 'Imlew siegħ minnu u terfgħuh
għall-ġenerazzjonijiet ta' warajkom biex jaraw il-ħobż li kont nitmagħkom fid-
deżert meta ħriġtkom mill-Eġittu.' "

33U Mosè qal lil Aron: "Hu ġarra u qiegħed fiha daqs siegħ manna, u qegħedha
quddiem il-Mulej biex iżżommha għall-ġenerazzjonijiet ta' warajkom."

34U skont ma ordna l-Mulej lil Mosè, hekk Aron qegħedha fl-arka tax-xhieda biex
tintrefa' hemm.

35U wlied Iżrael kienu jieklu l-manna għal erbgħin sena sakemm waslu f'art
imgħammra; u baqgħu jieklu minnha sat-trufijiet tal-art ta' Kangħan.

36Għomer, jew siegħ, hu l-waħda minn għaxra ta' kejl ta' efa.

## Eżodu 17

### L-ilma mill-blat

1Il-ġemgħa kollha ta' wlied Iżrael telqu fid-deżert ta' Sin, jimxu u jieqfu skont ma
jgħidilhom il-Mulej; u waqfu f'Rafidim. Hemmhekk ma kienx hemm ilma
x'jixorbu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

2Il-poplu ħadha kontra Mosè u qalulu: "Agħtina ilma x'nixorbu!" Mosè weġibhom: "Għaliex teħduha miegħi u ġġarrbu lill-Mulej!"

3Hemmhekk il-poplu qabdu l-għatx, u gemgem kontra Mosè u qal: "Għalfejn tellajtna hawn mill-Eġittu biex toqtol lilna, 'l uliedna u 'l-bhejjem tagħna bil-għatx?

4Mosè għajjat quddiem il-Mulej u qal: "X'se nagħmel lil dan il-poplu? Ftit ieħor u jħaġġruni."

5Il-Mulej qal lil Mosè: "Għaddi minn quddiem il-poplu, u ħu miegħek xi wħud mix-xjuħ ta' Iżrael; ħu f'idejk il-ħatar li bih kont drabt ix-xmara tan-Nil, u mur.

6Arani, jien noqgħod hemm quddiemek, fuq il-blat f'Horeb; u int aħbat il-blat u toħroġ minnu l-ilma, u jixrob il-poplu." U Mosè għamel hekk quddiem ix-xjuħ ta' Iżrael.

7U l-post semmewh: 'Massa u Meriba', għax hemm tlewmu wlied Iżrael u ġarrbu lill-Mulej meta qalu: "Il-Mulej fostna jew le?"

### Rebħa fuq l-Għamalekin

8Il-poplu ta' Għamalek qam u tqabad ma' Iżrael f'Rafidim.

9Mosè qal lil Ġożwè: "Agħżel irġiel u mur tqabad ma' Għamalek; jien noqgħod wieqaf fuq il-quċċata tal-għolja, bil-ħatar ta' Alla f'idi."

10Ġożwè għamel kif qallu Mosè, u mar jitqabad mal-Għamalekin. Mosè, Aron u Ħur telgħu fuq il-quċċata tal-għolja.

11Kull meta Mosè kien jerfa' idejh, Iżrael kien jirbaħ; u kull meta kien iniżżel idejh, kienu jirbħu l-Għamalekin.

12Meta idejn Mosè bdew jitqalu, ħadu ġebla u qegħduhielu taħtu; u hu qagħad bilqiegħda, waqt li Aron u Ħur żammewlu dirgħajh, wieħed kull naħa. Hekk idejh baqgħu sodi merfugħa sa nżul ix-xemx.

13U Ġożwè qered lil Għamalek u l-poplu tiegħu b'xifer ix-xabla.

14U l-Mulej qal lil Mosè: "Ikteb dan b'tifkira fi ktieb u aqrah f'widnejn Ġożwè, li jien neqred għalkollox it-tifkira ta' Għamalek minn taħt is-sema."

15U Mosè bena artal u semmieh: "Jaħweh Nissi"

16għax qal: "Talli refgħu idhom għall-istandard tal-Mulej, il-Mulej jitqabad ma' Għamalek minn nisel għal nisel."

## Eżodu 18

### Il-laqgħa ma' Ġetru


© 2020 Malta Bible Society.

1Ġetru, il-qassis ta' Midjan, ħaten Mosè, sama' b'kulma għamel Alla ma' Mosè u Iżrael, il-poplu tiegħu: kif ħareġ lil Iżrael mill-Eġittu.

2Ġetru, ħaten Mosè, kien ħa lura lil Siffora, li Mosè kien bagħatha lura

3flimkien maż-żewġ uliedha li kien jisimhom, wieħed Gersum, (għax qal: "kont barrani f'art barranija")

4u l-ieħor Eligħeżer (għax qal: "Alla ta' missieri l-għajnuna tiegħi, għax ħelisni mis-sejf tal-Fargħun").

5U Ġetru, ħaten Mosè, ġie flimkien ma' mart Mosè u wliedu għand ħatnu, fid-deżert ħdejn il-muntanja ta' Alla fejn kien waqqaf it-tined.

6Xi ħadd qal lil Mosè: "Hawn Ġetru, ħatnek, ġie ħdejk, u martek u ż-żewġ uliedha magħha."

7U Mosè ħareġ jiltaqa' ma' ħatnu u martu; sellimlu u biesu, u bdew jistaqsu wieħed lill-ieħor hux tajjeb, u daħlu fit-tinda.

8U Mosè qal lil ħatnu kulma kien għamel il-Mulej lill-Fargħun u lill-Eġizzjani minħabba Iżrael, u t-taħbit kollu li għadda minnu Iżrael fit-triq, u kif ħelishom il-Mulej.

9U Ġetru feraħ għall-ġid kollu li għamel il-Mulej lil Iżrael: li ħelsu minn id l-Eġizzjani.

10U Ġetru qal: "Imbierek il-Mulej li ħeliskom minn id l-Eġizzjani u minn id il-Fargħun.

11Issa naf li l-Mulej hu akbar mill-allat kollha, għaliex meta tkabbru magħkom, għelibhom."

12U Ġetru, ħaten Mosè, offra offerti u vittmi lil Alla; u Aron u x-xjuħ kollha ta' Iżrael ġew biex jieklu l-ħobż ma' ħaten Mosè quddiem Alla.

### Il-parir ta' Ġetru

13L-għada Mosè qagħad jagħmel il-ħaqq lill-poplu u l-poplu qagħad quddiem Mosè minn filgħodu sa filgħaxija.

14U Ġetru ra kulma kien qiegħed jagħmel Mosè lill-poplu, u qallu: "X'inhu dan li qiegħed tagħmel lill-poplu? Għaliex qiegħed bilqiegħda waħdek u l-poplu wieqaf quddiemek minn filgħodu sa filgħaxija?"

15U Mosè qal lil ħatnu: "Għaliex il-poplu jiġi għandi jaraw xi jgħid Alla.

16U meta jkollhom xi ħaġa jiġu għandi biex nagħmel ħaqq bejn bniedem u ieħor. U ngħallimhom id-deċiżjonijiet u t-twissijiet ta' Alla."

17U Ġetru, ħaten Mosè, wieġbu: "Mhux sewwa kif qiegħed tagħmel.


© 2020 Malta Bible Society.

18Tinkedd int u jinkedd il-poplu li hawn miegħek. Għax dan ix-xogħol hu wisq għalik, u int ma tistax tagħmlu waħdek.

19Issa isma' milli se ngħidlek. Nagħtik parir, u Alla jkun miegħek! Int tidher għall-poplu quddiem Alla, u tressaq quddiemu kulma jinqala'.

20Għallimhom id-deċiżjonijiet u t-twissijiet, u għarrafhom it-triq li minnha għandhom jgħaddu, u x'għandhom jagħmlu.

21U int tagħżel nies ta' ħila mill-poplu, nies li jibżgħu minn Alla, nies ta' fiduċja u jobogħdu r-regħba; u qegħedhom kapijiet tal-eluf, kapijiet tal-mijiet, kapijiet tal-ħamsinijiet, u kapijiet tal-għaxriet.

22Dawn jagħmlu l-ħaqq lill-poplu f'kull żmien; u meta jkun hemm xi ħaġa kbira jġibuha quddiemek; u kull ħaġa żgħira jiġġudikawha huma. Hekk jeħfieflek ix-xogħol, u huma jerfgħu l-piż miegħek.

23Jekk tagħmel dan - u Alla hekk jikkmandak - iżżomm sħiħ int, u dan il-poplu jasal bis-sliem f'postu."

24Mosè sama' minn kliem ħatnu u għamel kulma qallu:

25għażel nies ta' ħila mill-poplu ta' Iżrael kollu, u qegħedhom kapijiet fuq il-poplu, kapijiet tal-eluf, kapijiet tal-mijiet, kapijiet tal-ħamsinijiet u kapijiet tal-għaxriet.

26U dawn kienu jagħmlu l-ħaqq lill-poplu ż-żmien kollu. Il-kwistjonijiet iebsa kienu jġibuhom quddiem Mosè, u kull ħaġa żgħira kienu jiġġudikawha huma.

27Mosè mbagħad ħalla lil ħatnu jitlaq, u dan mar lejn pajjiżu.

## Eżodu 19

### Fid-deżert tas-Sinaj

1Fit-tielet xahar mill-ħruġ ta' wlied Iżrael mill-art tal-Eġittu, dak in-nhar stess, waslu fid-deżert tas-Sinaj.

2Wara li refgħu t-tined, minn Rafidim waslu fid-deżert tas-Sinaj u waqqfu t-tined fid-deżert. Iżrael waqqaf it-tined hemm, biswit il-muntanja.

3Mosè tala' ħdejn Alla, u l-Mulej sejjaħlu mill-muntanja u qallu: "Dan għid lil dar Ġakobb u għarraf lil ulied Iżrael:

4'Rajtu intom x'għamilt lill-Eġizzjani, u kif lilkom ġarrejtkom fuq il-ġwienaħ tal-ajkli u ressaqtkom lejja.

5Issa, jekk tisimgħu leħni u żżommu l-patt tiegħi, intom tkunu l-wirt tiegħi minn fost il-popli kollha, għax l-art kollha tiegħi.


© 2020 Malta Bible Society.

6 Intom tkunu għalija saltna ta' qassisin u ġens qaddis.' Dan hu l-kliem li tgħid lil ulied Iżrael."

7 Imbagħad Mosè mar isejjaħ lix-xjuħ tal-poplu, u qegħdilhom quddiemhom dan il-kliem kollu li ordnalu l-Mulej.

8 U l-poplu kollu wieġeb b'leħen wieħed u qalu: "Kulma qal il-Mulej aħna nagħmluh." U Mosè ressaq kliem il-poplu quddiem il-Mulej.

9 Il-Mulej qal lil Mosè: "Ara, jiena ġej lejk fi sħaba sewda, ħalli l-poplu jismagħni nitkellem miegħek u jemmen fik ukoll għal dejjem." U Mosè qal lill-Mulej kliem il-poplu.

10 Il-Mulej qal lil Mosè: "Mur ħdejn il-poplu u kkonsagrahom illum u għada; jaħslu ħwejjiġhom

11 u jħejju ruħhom għat-tielet jum, għax fit-tielet jum il-Mulej jinżel fuq il-muntanja tas-Sinaj quddiem għajnejn il-poplu kollu.

12 Ifred in-nies minn kull naħa tal-muntanja u għidilhom: 'Qisu li ma titilgħux fuq il-muntanja jew tmissu trufijietha; min imiss il-muntanja jmut żgur;

13 ebda id ma tmissu, iżda jħaġġruh jew jinfduh bis-sejf; ħadd ma jibqa' ħaj, la bhima u lanqas bniedem.' Meta ddoqq it-tromba jitilgħu lejn il-muntanja."

14 U Mosè niżel minn fuq il-muntanja għal ħdejn il-poplu u kkonsagrah, u huma ħaslu ħwejjiġhom.

15 U qalilhom: "Lestu ruħkom għat-tielet jum; sadattant tersqux lejn in-nisa tagħkom."

### Id-dehra ta' Alla

16 Fit-tielet jum mas-sebħ kien hemm ragħad u beraq, u sħab oħxon għatta l-muntanja. Instama' wkoll iż-żarżir qawwi tat-tromba, u triegħed il-poplu kollu fil-kamp.

17 Mosè ħareġ il-poplu mill-kamp biex jiltaqgħu ma' Alla; u waqfu f'riġlejn il-muntanja.

18 Il-muntanja tas-Sinaj bdiet iddaħħan kollha kemm hi, għax niżel fuqha l-Mulej fin-nar. Id-duħħan beda tiela' 'l fuq bħad-duħħan ta' forn, u l-muntanja kienet titheżżeż kollha.

19 Kulma jmur id-daqq tat-tromba kien dejjem jitqawwa. Imbagħad tkellem Mosè, u Alla wieġbu b'ragħda.

20 U niżel il-Mulej fuq il-quċċata tal-muntanja tas-Sinaj, u l-Mulej sejjaħ lil Mosè biex jitla' fuq il-quċċata tal-muntanja. U Mosè tala'.


© 2020 Malta Bible Society.

21U l-Mulej qal lil Mosè: "Inżel u wissi lill-poplu biex ma jersaqx lejn il-Mulej u jħarsu, u jmutu ħafna minnhom.

22U l-qassisin ukoll, li jersqu lejn il-Mulej, għandhom jikkonsagraw ruħhom, li ma jaħbatx għalihom il-Mulej."

23U Mosè qal lill-Mulej: "Il-poplu ma jistax jitla' fuq il-muntanja tas-Sinaj, għax inti stess ordnajtilna u għedtilna: 'Agħmel barrikata madwar il-muntanja u kkonsagraha.' "

24U l-Mulej qallu: "Mur, inżel u erġa' itla', int u Aron miegħek. Imma lill-qassisin u l-poplu tħallihomx jersqu u jitilgħu ħdejn il-Mulej, għax inkella jaħbat għalihom."

25U Mosè niżel ħdejn il-poplu u kellimhom.

## Eżodu 20

### L-għaxar kmandamenti

1Alla kellimhom u qalilhom dan kollu:

2"Jiena hu l-Mulej, Alla tiegħek, li ħriġtek mill-art tal-Eġittu, minn dar il-jasar.

3"Ma jkollokx allat oħra għajri.

4La tagħmilx għalik suriet minquxa u ebda xbieha ta' ebda ħaġa li hemm fl-għoli tas-sema, jew isfel fl-art, jew fil-baħar taħt l-art.

5La tmilx quddiemhom: la tadurahomx għaliex jiena hu l-Mulej Alla tiegħek, Alla għajjur, li npatti l-ħażen tal-missirijiet fuq l-ulied sat-tielet u r-raba' ġenerazzjoni lil dawk li jobogħduni;

6imma nagħder sal-elf nisel lil min iħobbni u jżomm il-kmandamenti tiegħi.

7"La ssemmix l-isem tal-Mulej, Alla tiegħek, fix-xejn: għaliex lil min isemmi l-isem tiegħu fix-xejn, il-Mulej ma jħallihx bla kastig.

8"Ftakar f'jum is-Sibt u qaddsu.

9Sitt ijiem taħdem u tagħmel kulma għandek tagħmel;

10imma s-seba' jum hu jum il-mistrieħ f'ġieħ il-Mulej, Alla tiegħek. Dan il-jum ma tagħmel ebda xogħol, int, ibnek, il-qaddej u l-qaddejja tiegħek, il-bhejjem tiegħek, u l-barrani li jkun ġewwa bwiebek.

11Għax f'sitt ijiem il-Mulej għamel is-smewwiet u l-art; il-baħar u kulma hemm fihom, u strieħ fis-seba' jum. Għalhekk il-Mulej bierek is-seba' jum u qaddsu.

12"Weġġaħ lil missierek u lil ommok, sabiex jitkattru jiemek fuq l-art li l-Mulej, Alla tiegħek, jagħtik.


© 2020 Malta Bible Society.

13“La toqtolx.

14“La tagħmilx adulterju.

15“La tisraqx.

16“La tagħtix xhieda giddieba kontra għajrek.

17“La tixtieqx dar għajrek: la tixtieqx il-mara ta’ għajrek, il-qaddej jew il-qaddejja tiegħu, l-għoġol jew il-ħmar tiegħu, u xejn minn kulma għandu għajrek.”

18Il-poplu kollu sama’ r-ragħad u ra l-beraq, u sama’ l-leħen tat-tromba u ra l-muntanja ddaħħan. U l-poplu beda jitriegħed u jitbeżża’, u qagħad ’il bogħod.

19Imbagħad qalu lil Mosè: “Kellimna int, u nisimgħuk; imma ma jkellimniex Alla, li ma mmutux!”

20U Mosè qal lill-poplu: “La tibżgħux! Għax biex iġarrabkom ġie Alla, biex il-biża’ tiegħu jkun dejjem quddiemkom ħalli ma tidinbux.”

### L-artal tas-sagrifiċċju

21Il-poplu qagħad ’il bogħod, u Mosè resaq lejn is-sħaba mudlama li fiha kien hemm Alla.

22U l-Mulej qal lil Mosè: “Dan għid lil ulied Iżrael: ‘Intom rajtu li jien kellimtkom mis-sema.

23La tagħmlux ħdejja allat tal-fidda u la tagħmlux allat tad-deheb; la tagħmluhomx.

24Intom tibnu artal mit-tajn tal-art u toffru fuqu s-sagrifiċċji tagħkom tal-ħruq u tas-sliem; in-nagħaġ u l-baqar tagħkom. F’kull post li fih irrid infakkar ismi, niġi u nbierkek.

25Jekk tagħmilli artal tal-ġebel, la tagħmlux tal-ġebel minġur, għax jekk inti tmidd l-għodda fuqu, jitniġġes.

26U titlax bit-taraġ fuq l-artal tiegħi, biex ma tikxifx l-għera tiegħek fuqu.’ ”

## Eżodu 21

### Il-liġi dwar l-ilsiera

1“Dawn huma d-digrieti li int tqegħdilhom quddiemhom:

2Meta tixtri lsir Għebrew, jibqa’ jaħdimlek għal sitt snin u fis-seba’ sena joħroġ ħieles b’xejn.

3Jekk jiġi waħdu, joħroġ waħdu; jekk miżżewweġ, toħroġ miegħu martu wkoll.


© 2020 Malta Bible Society.

4Jekk sidu jkun tah mara, u din tkun wilditlu subien jew bniet, uliedha jkunu ta' sidha, u hu joħroġ waħdu.

5Jekk l-ilsir jgħid: 'Jien inħobb lil sidi, lil marti, u lil uliedi, ma noħroġx ħieles,'

6sidu jieħdu quddiem Alla, u jġibu ħdejn il-bieb jew mal-ġenb tal-bieb, u hemm itaqqablu widintu b'xifa, u jibqa' lsir tiegħu għal dejjem.

7"Jekk wieħed ibigħ lil bintu b'ilsira, din ma toħroġx bħalma joħorġu l-ilsiera rġiel.

8Jekk ma togħġobx lil sidha, li jkun għażilha għalih, iħalliha tinfeda. Ma jistax ibigħha lil nies barranin, għax ma jkunx mexa sewwa magħha.

9Jekk ikun għażilha għal ibnu, għandu jqisha b'bintu.

10Jekk jiżżewweġ mara oħra, ma għandux inaqqsilha minn ikilha, ilbiesha, jew id-dritt tagħha ta' mara miżżewġa.

11U jekk ma jagħmilx dawn it-tliet ħwejjeġ magħha, tkun tista' titlaq 'il barra bla ħlas ta' flus.

### Il-liġi dwar il-qtil

12"Min jidrob bniedem, u dan imut, ikun ħaqqu l-mewt.

13Iżda jekk hu ma jkunx nasablu, imma Alla jkun erħieħ f'idejh, jien nagħżillek post fejn jista' jaħrab.

14Iżda jekk bniedem jonsob lil għajru biex iqarraq bih u joqtlu, tieħdu minn ħdejn l-artal tiegħi għall-mewt.

15Min jaħbat għal missieru jew ommu, ikun ħaqqu l-mewt.

16Min jisraq bniedem, sew jekk ibigħu, sew jekk iżommu f'idejh, ikun ħaqqu l-mewt.

17Min jisħet lil missieru jew lil ommu, ikun ħaqqu l-mewt.

### Il-liġi dwar il-ġlied

18"Meta tnejn min-nies jitlewmu, u wieħed minnhom jaħbat għall-ieħor bil-ponn jew b'xi ġebla, u dan ma jmutx, iżda jinxteħet fis-sodda,

19jekk imbagħad iqum u joħroġ jimxi barra bil-bastun, dak li jkun darbu ma jeħel xejn, iżda jħallsu sakemm ikun qagħad id-dar, u sakemm ikun fieq għalkollox.

20"Meta xi ħadd jidrob lill-ilsir - jew lill-ilsira tiegħu - bil-bastun, u dan imut taħt id-daqqa, ikun ikkastigat.

21Jekk imbagħad l-ilsir jibqa' ħaj għal jum jew tnejn, sidu ma jkunx ikkastigat, għax hu flusu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

22“Jekk żewġt irġiel jiġġieldu, u jolqtu mara tqila, u din tiled qabel il-waqt, u ma
jiġrilha xejn aktar, il-ħati jkollu jħallas skont ma jitolbu żewġha, u jħallas skont
ma jaqtgħu l-imħallfin.

23Iżda jekk tiġrilha xi ħsara oħra, int tħallas ħajja b’ħajja,

24għajn b’għajn, sinna b’sinna, id b’id, riġel b’riġel,

25dabra b’dabra, ġerħa b’ġerħa, tbenġila bi tbenġila.

26“Jekk xi ħadd jidrob għajn l-ilsir - jew l-ilsira tiegħu - u jeqridhielu, għandu
jitilqu ħieles bi tpattija ta’ għajnu.

27Jekk ikisser is-sinna tal-ilsir - jew l-ilsira tiegħu - jitilqu ħieles bi tpattija għas-
sinna tiegħu.

### Il-liġi dwar il-bhejjem

28“Meta gendus jagħti bir-ras lil xi raġel - jew mara - u dan imut, jitħaġġar il-
gendus u laħmu ma jittikilx; imma sidu ma jkun ħati ta’ xejn.

29Iżda jekk il-gendus kien jagħti bir-ras minn qabel u sidu kien imwissi, u dan
ma ħax ħsiebu u r-raġel - jew mara - imut, jitħaġġar il-gendus, u sidu jingħata l-
mewt.

30Imma jekk iwaħħluh xi flus, jifdi lil ħajtu b’kemm iwaħħluh.

31Jekk il-gendus jagħti bir-ras lill-iben - jew lill-bint - jagħmlulu skont din il-liġi.

32Jekk jagħti bir-ras lil xi lsir - jew ilsira - sidu jagħti tletin biċċa tal-fidda lil sid l-
ilsir u l-gendus jitħaġġar.

33“Jekk xi ħadd jiftaħ jew iħaffer xi bir u ma jgħattihx, u jaqa’ fih xi gendus jew
ħmar,

34sid il-bir jagħmel tajjeb lil sidu, u jpattilu b’kemm jiswa flus, imma l-bhima
mejta tkun tiegħu.

35“Jekk il-gendus ta’ xi ħadd jaħbat għal gendus ta’ xi ħaddieħor, u dan imut,
ibigħu l-gendus l-ħaj u jaqsmu flusu, u wkoll il-gendus il-mejjet.

36Jekk kienu jafu li l-gendus kien jagħti bir-ras minn qabel, u sidu ma ħax ħsiebu,
dan għandu jpatti gendus b’gendus, u l-bhima l-mejta tkun tiegħu.

37Meta xi ħadd jisraq gendus - jew nagħġa - u joqtlu jew ibigħu, ipatti b’ħames
baqriet għall-gendus, u b’erba’ nagħġiet għan-nagħġa.

## Eżodu 22

### Il-liġi dwar il-proprjetà

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

1“Jekk il-ħalliel jinqabad huwa u jiftaħ, u jaħbtu għalih u joqtluh, ħadd ma jkun ħati ta’ ħajtu.

2Jekk jinqabad meta tkun diġà telgħet ix-xemx, min joqtlu jkun ħati ta’ ħajtu. Hu għandu jrodd, u, jekk ma jkollux biex, jinbiegħ biex ipatti għal dak li jkun seraq.

3Jekk il-bhima misruqa - gendus, ħmar, nagħġa - isibuha għandu, u tkun għadha ħajja, irodd id-doppju.

4“Jekk xi ħadd jagħmel ħsara fl-għalqa jew fil-qasam tad-dwieli ta’ xi ħaddieħor billi jitlaq il-merħla tiegħu tirgħa fl-għalqa ta’ ħaddieħor, irodd mill-aħjar wiċċ tal-għalqa jew tad-dwieli tiegħu.

5“Jekk jaqbad in-nar u jilħaq l-għolliq u jinħarqu l-qatet tal-qamħ jew iż-żara’, jew l-għalqa taqbad, ipatti għall-ħsara min ikun ta n-nar.

6“Jekk xi ħadd jagħti lil xi ħaddieħor flus jew ħwejjeġ biex iżommhomlu u jisirquhomlu minn daru, jekk isibu l-ħalliel, dan irodd id-doppju.

7Jekk ma jsibux il-ħalliel, sid id-dar jinġieb quddiem Alla, biex juri jekk ikunx medd idejh fuq ħwejjeġ għajru.

8Għal kull ħsara li ssir lil gendus, ħmar, nagħġa, libsa, jew kull ħaġa oħra mitlufa, li minnha xi ħadd jgħid: ‘Din tiegħi’, il-kwistjoni tagħhom it-tnejn iressquha quddiem Alla; lil min Alla jagħtih il-ħtija, irodd id-doppju lil għajru.

9“Jekk xi ħadd jagħti lil xi ħaddieħor ħmar, gendus, nagħġa jew xi bhima oħra, biex iżommhielu u din tmut, tweġġa’ jew jaħtfuha bla ma ħadd ikun ra xejn, jaħilfu t-tnejn quddiem il-Mulej;

10tinqata’ bejniethom b’ħalfa quddiem il-Mulej li ma middx idu fuq ħwejjeġ sieħbu; u s-sid joqgħod fuq il-ġurament u l-ieħor ma jrodd xejn.

11Jekk jisirquha mingħandu, irodd lil sidha.

12Jekk imbagħad iqattgħuha l-bhejjem, u jġibha b’xhieda, ma jrodd xejn għall-bhima mqattgħa bċejjeċ.

13“Jekk xi ħadd jissellef bhima mingħand xi ħadd, u din tweġġa’ jew tmut, u sidha ma jkunx magħha, għandu jrodd daqs kemm tiswa.

14Jekk sidha jkun magħha, ma jħallas xejn. Jekk ikun mikri jħallas mill-paga tiegħu.

### Il-liġi dwar il-persuni

15“Jekk xi raġel iqarraq b’xebba li ma tkunx imgħarrsa, u jorqod magħha, iħallas għaliha, u jeħodha b’martu.

16Jekk missierha ma jkunx irid jagħtihielu, iħallas daqs kemm tiswa d-dota ta’ xebba.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

17“Saħħara, tħallihiex tgħix.

18“Kull min jorqod ma’ bhima, ikun ħaqqu l-mewt.

19“Kull min joffri sagrifiċċji lill-allat, ħlief lill-Mulej, ikun meqrud.

20“La taħqarx il-barrani, u la tgħakksux, għax intom ukoll kontu barranin fl-art tal-Eġittu.

21La taħqrux l-armla jew l-iltim,

22għax jekk taħqruhom, u huma jsejħuli, jien żgur nismagħha l-għajta tagħhom;

23u l-qilla tiegħi tixgħel, neqridkom bix-xabla; u n-nisa tagħkom jormlu u wliedkom jisfaw iltiema.

24“Jekk inti tislef lil xi fqir mill-poplu tiegħi, iġġibx ruħek miegħu bħal wieħed sellief, u teħodlux imgħax.

25Jekk lil għajrek teħodlu l-libsa tiegħu b’rahan, agħtihielu lura qabel inżul ix-xemx;

26għax hu dik biss għandu biex jitgħatta, dik biss l-għata ta’ ġismu; inkella fiex tridu jorqod? Għax jekk isejjaħli, jiena nisimgħu, għax jien ħanin.

27“La tidgħix b’Alla u anqas ma għandek tisħet lill-kap ta’ niesek.

28“La tiddawwarx biex toffri mill-ħsad u l-għasir tiegħek. “L-ewwel fost uliedek int tagħtih lili.

29L-istess tagħmel mill-baqar u min-nagħaġ tiegħek; il-ferħ żommu sebat ijiem ma’ ommu, iżda fit-tmien jum tagħtih lili.

30“Intom tkunu nies ikkonsagrati lili, la tiklux il-laħam ta’ bhima mqattgħa fir-raba’; imma ixħtuh lill-klieb.

## Eżodu 23

### Il-ħaqq u s-sewwa

1“La taqlax xniegħa giddieba; la tagħtix idek lil bniedem ħażin biex tixhed bil-qerq.

2La tmurx mal-kotra biex tagħmel id-deni; u f’tilwima tixhidx skont il-kotra, biex ma tgħawwiġx is-sewwa.

3U anqas ma għandek tħares lejn wiċċ il-fqir fit-tilwim tiegħu.

4“Jekk int issib il-gendus jew il-ħmar mitluf ta’ min jobogħdok, roddhulu lura.

5Jekk tara l-ħmar ta’ min jobogħdok mixħut fl-art taħt it-tagħbija, tibqax għaddej bla ma tgħinu; imma għinu biex iqajmu.


© 2020 Malta Bible Society.

6“La tgħawwiġx il-ġustizzja li tmiss lill-fqir fil-kawża tiegħu.

7Żomm ruħek ’il bogħod minn kliem il-gideb; u la toqtolx lil min hu sewwa u bla ħtija; għax jien ma neħlishiex lill-ħati.

8La teħux rigali, għax ir-rigali jagħmu n-nies b’għajnejhom miftuħa, u jgħawġu l-kawża tan-nies sewwa.

9“Taħqarx il-barrani; int taf xi jħoss il-barrani, għax barrani int kont fl-art tal-Eġittu.

### Is-seba’ sena u l-festa

10“Għal sitt snin int tiżra’ l-art tiegħek, u tiġbor l-uċuħ tagħha,

11imma fis-seba’ sena tħalliha tistrieħ; ħalliha biex jieklu l-fqar tal-poplu tiegħek; u l-fdal jikluh il-bhejjem tax-xagħri. Hekk ukoll agħmel bid-dwieli u ż-żebbuġ tiegħek.

12“Għal sitt ijiem tagħmel ix-xogħol tiegħek; u fis-seba’ jum tistrieħ, biex jistrieħu l-gendus u l-ħmar tiegħek, u bin il-qaddejja tiegħek u l-barrani jieħdu r-ruħ.

13Qisu li tħarsu kulma għedtilkom, u ssemmux isem allat oħra; ma għandux jinstema’ isimhom fuq fommok.

14“Tliet darbiet fis-sena tagħmilli festa.

15Int tħares il-festa tal-ażżmi. Għal sebat ijiem tiekol il-ħobż ażżmu, kif jien ordnajtlek fiż-żmien li għedtlek, fix-xahar ta’ Abib, għax fih int ħriġt mill-Eġittu. Ħadd ma għandu jidher quddiemi b’idu f’idu. Int tħares il-festa tal-ħsad, l-ewwel frott ta’ xogħlok u ta’ dak li tiżra’ fir-raba’ tiegħek.

16Tagħmel il-festa tal-ġabra fi ħruġ is-sena, meta tiġbor mir-raba’ l-frott ta’ xogħlok.

17Tliet darbiet fis-sena jidher kull raġel fostkom quddiem il-Mulej, is-Sid.

18“La toffrix id-demm tal-vittmi tiegħek b’ħobż bil-ħmira; iżżommx ix-xaħam tal-vittmi tal-festa tiegħi sa filgħodu.

19“Int iġġib il-bikri tal-frott tal-art tiegħek f’dar il-Mulej Alla tiegħek. La tgħallix il-gidi f’ħalib ommu.

### L-anġlu protettur

20“Arani, se nibgħat anġlu quddiemek biex iħarsek fit-triq u jwasslek fil-post li jien ħejjejtlek.

21Qis li tagħtih widna u tisma’ kliemu; la tmerihx; għax ma jaħfrilkomx dnubietkom; għax hu jkellimkom f’ismi.


© 2020 Malta Bible Society.

22Jekk tisma' sewwa minn kliemu, u tagħmel kulma ngħidlek, jien inkun l-għadu tal-għedewwa tiegħek, u neħodha ma' min jeħodha miegħek.

23"L-anġlu tiegħi jimxi quddiemek u jwasslek għand l-Amurrin u l-Ħittin, il-Periżżin u l-Kangħanin, il-Ħiwwin u l-Ġebusin, u jiena neqridhom.

24Tadurawx l-allat tagħhom u la taqduhomx; u la tagħmlux kif jagħmlu huma, imma int eqridhom u kisser il-plieri tal-ġebel tagħhom.

25U intom tqimu l-Mulej, Alla tagħkom, u hu jbierek il-ħobż u l-ilma tiegħek; u nwarrab il-mard minn nofsok.

26Ma jkunx hemm f'nofsok mara bla tfal, jew li tiled qabel iż-żmien.

27Il-biża' tiegħi nibgħat quddiemek; u nħawwad in-nies, li int tasal għandhom; u nġiegħel l-għedewwa tiegħek idawru daharhom lejk.

28Jien nibgħat iż-żnażan quddiemek, u jkeċċu l-Ħiwwin, il-Kangħanin u l-Ħittin minn quddiemek.

29Ma nkeċċihomx minn quddiemek f'sena, inkella l-art issir ħerba u l-bhejjem tax-xagħri joktru kontra tiegħek.

30Bil-ftit il-ftit inkeċċihom minn quddiemek, sakemm int toktor u tkun tista' tieħu l-art f'idejk.

31U l-fruntieri tiegħek nagħmilhomlok minn Baħar il-Qasab sal-baħar tal-Filistin, u mid-deżert sax-xmara tal-Ewfrat; għax jien nitlaq in-nies tal-art f'idejk, u int tkeċċihom minn quddiemek.

32Ma tagħmel ebda patt magħhom, u anqas ma' allathom.

33Ma għandhomx jgħammru fl-art tiegħek, li ma tmurx titħajjar tidneb kontrija u tqim l-allat tagħhom, għax ikun ta' ħsara għalik."

## Eżodu 24

### Il-patt tas-Sinaj

1Il-Mulej qal lil Mosè: "Itla' ħdejn il-Mulej, int u Aron, Nadab u Abiħu, flimkien ma' sebgħin mix-xjuħ ta' Iżrael; agħtu qima mill-bogħod;

2imbagħad Mosè jersaq waħdu lejn il-Mulej; imma l-oħrajn ma jersqux, u anqas il-poplu ma għandu jitla' miegħu."

3Mosè niżel jgħid lill-poplu kulma qallu l-Mulej u kulma ordnalu. Il-poplu wieġeb b'leħen wieħed u qal: "Kulma qalilna l-Mulej nagħmluh."

4Mosè kiteb il-kliem kollu tal-Mulej, u filgħodu qam, bena artal taħt il-muntanja, u waqqaf tnax-il plier għat-tnax-il tribù ta' Iżrael.


© 2020 Malta Bible Society.

5Imbagħad bagħat xi żgħażagħ minn ulied Iżrael biex joffru sagrifiċċji u joqtlu
għoġiela bħala sagrifiċċji tas-sliem lill-Mulej.

6Mosè ħa nofs id-demm u qiegħdu fi bwieqi, u xerred in-nofs l-ieħor fuq l-artal.

7Imbagħad ħa l-ktieb tal-patt, u qara minnu hekk li seta' jisimgħu l-poplu. U
huma qalu: "Kulma qalilna l-Mulej nagħmluh, u nisimgħu minnu."

8Mosè mbagħad ħa d-demm u, hu u jroxxu fuq il-poplu, qal: "Hawn hu d-demm
tal-patt li l-Mulej għamel magħkom skont dan il-kliem kollu."

9U telgħu Mosè u Aron, Nadab u Abiħu, u s-sebgħin mix-xjuħ ta' Iżrael.

10U huma raw 'l Alla ta' Iżrael: taħt riġlejh kien hemm bħal ċangatura tas-saffiri,
safja daqs is-sema nnifsu.

11Lejn il-kbarat ta' wlied Iżrael huwa ma meddx idu. U huma raw 'l Alla; u kielu
u xorbu.

12Il-Mulej qal lil Mosè: "Itla' ħdejja fuq il-muntanja, u stenna hemm u nagħtik it-
twavel tal-ġebel, bil-liġi u l-kmandamenti, li jien ktibt fuqhom għat-tagħlim
tagħhom."

13Għalhekk Mosè qam mal-qaddej tiegħu Ġożwè, u Mosè tala' fuq il-muntanja ta'
Alla.

14U lix-xjuħ qalilhom: "Stennewna hawnhekk, sakemm nerġgħu lura ħdejkom;
u, araw, Aron u Hur qegħdin magħkom, min ikollu xi ħaġa, ħa jmur għandhom."

15Mosè tala' fuq il-muntanja u s-sħaba ksiet il-muntanja.

16Il-glorja tal-Mulej strieħet fuq il-muntanja tas-Sinaj, u s-sħaba ksietha għal sitt
ijiem; u fis-seba' jum il-Mulej sejjaħ lil Mosè minn ġo nofs is-sħaba.

17Id-dehra tal-glorja tal-Mulej f'għajnejn ulied Iżrael kienet tixbah lil ħuġġieġa
nar iħeġġeġ fuq il-quċċata tal-muntanja.

18U Mosè daħal fis-sħaba u tala' fuq il-muntanja u baqa' fuq il-muntanja erbgħin
jum u erbgħin lejl.

## Eżodu 25

### L-offerti għat-tabernaklu

1U l-Mulej qal lil Mosè:

2"Kellem lil ulied Iżrael, biex iġibuli offerta; int tirċievi din l-offerta mingħand
kull min jagħti minn rajh.

3U din hi l-offerta li tirċievi mingħandhom: deheb, fidda, u bronż;

4ħjut vjola, porpra u skarlatt, għażel fin, xagħar tal-mogħoż,


© 2020 Malta Bible Society.

5ġlud tal-muntun miżbugħin ħomor, ġlud tad-denfil, injam tal-gażżi,

6żejt għall-imnariet, ħwawar għaż-żejt tal-konsagrazzjoni, ħwawar għall-inċens,

7ħaġar tal-oniċi, ħaġar għat-tqegħid fl-efod u l-pettorali.

8U jagħmluli santwarju, biex ngħammar ġo nofshom;

9tagħmluh skont il-mudell tat-tinda u l-għamara tagħha li se nurik.

## L-arka

10"Jagħmlu arka tal-gażżi; żewġt idriegħ u nofs it-tul, driegħ u nofs il-wisa', u
driegħ u nofs l-għoli tagħha.

11Tiksiha b'deheb fin, minn ġewwa u minn barra, u n-naħa ta' fuq tagħmlilha
dawra tad-deheb.

12U ddewweb id-deheb u tagħmlilha erba' ħolqiet, u tqegħedhomlha fuq fl-erba'
saqajn, żewġ ħolqiet f'naħa, u tnejn oħra n-naħa l-oħra.

13Tagħmel ukoll żewġ lasti tal-gażżi, u tiksihom bid-deheb,

14u ddaħħal il-lasti fil-ħolqiet fil-ġnub tal-arka, biex iġorruha bihom.

15Il-lasti ma tneħħihomx minnha, iżda jibqgħu dejjem fil-ħoloq tal-arka.

16U fl-arka tqiegħed ix-xhieda miktuba li se nagħtik.

17"Agħmlilha għatu tad-deheb fin, żewġt idriegħ u nofs twil, u driegħ u nofs
wiesa'.

18Tagħmlilha żewġ kerubini tad-deheb mastizz, u tqegħedhom wieħed kull naħa
fiż-żewġt itruf tal-għatu.

19Tqiegħed kerubini, wieħed f'tarf, u l-ieħor f'tarf ieħor; kull kerubin biċċa
waħda mal-għatu.

20Il-kerubini jkunu bil-ġwienaħ miftuħa 'l fuq u jgħattu bi ġwenħajhom l-għatu,
u jħarsu lejn xulxin.

21U tqiegħed l-għatu fuq wiċċ l-arka, u fl-arka tqiegħed ix-xhieda miktuba li se
nagħtik.

22Hemm jien niltaqa' miegħek, u nkellmek minn fuq l-għatu, minn bejn żewġ
kerubini, li jkunu fuq l-għatu tal-arka tax-xhieda miktuba, nagħtik liġijiet għal
ulied Iżrael.

## Il-mejda

23"Agħmel mejda tal-injam tal-gażżi, twila żewġt idriegħ, u wiesgħa driegħ, u
għolja driegħ u nofs;

24iksiha bid-deheb fin, u għamlilha kuruna tad-deheb madwarha.


© 2020 Malta Bible Society.

25Agħmlilha wkoll tilar madwarha għoli erbat iswaba’, u kuruna tad-deheb madwar it-tilar.

26Agħmlilha erba’ ħoloq tad-deheb u waħħal dawn il-ħoloq mal-erba’ rkejjen tal-erba’ saqajn tagħha.

27Il-ħoloq għandhom jitwaħħlu qrib il-bastun, biex fihom jidħlu l-lasti biex jerfgħu l-mejda bihom.

28Agħmel il-lasti tal-injam tal-gażżi, u iksihom bid-deheb; dawn iservu biex terfgħu l-mejda.

29U int tagħmel għaliha platti, imgħaref, kwies u bwieqi għat-tiswib tal-libazzjonijiet; tagħmilhom tad-deheb fin,

30u fuqha tqiegħed quddiemi għal dejjem il-ħobż tal-preżenza.

### L-imnara

31“Int tagħmel ukoll imnara tad-deheb fin; tagħmilha tad-deheb mastizz: is-sieq u l-bastun tagħha, bil-ġewż u ż-żibeġ u ż-żahar, ikunu biċċa waħda magħha.

32Joħorġu sitt friegħi mill-ġnub tagħha, tliet friegħi minn naħa u tliet friegħi min-naħa l-oħra.

33Ikun hemm tliet ġewżiet f’forma taż-żahar tal-lewż, biż-żibġa u l-weraq, fuq fergħa; tliet ġewżiet f’forma taż-żahar tal-lewż, biż-żibġa u l-weraq, fuq il-fergħa l-oħra; u hekk l-istess is-sitt friegħi kollha ħerġin mill-imnara.

34Fl-imnara jkun hemm erba’ ġewżiet f’forma taż-żahar tal-lewż, biż-żibġa u l-weraq, u jkun hemm ġewżiet biċċa waħda magħha taħt is-sitt friegħi ħierġa minnha,

35u żibġa taħt żewġ friegħi tagħha; żibġa taħt żewġ friegħi oħra; u żibġa taħt l-aħħar żewġ friegħi tagħha; hekk għas-sitt friegħi ħerġin mill-imnara.

36Il-ġewżiet u l-friegħi jkunu biċċa waħda magħha; kollox biċċa waħda tad-deheb mastizz fin.

37Agħmel seba’ msiebaħ għaliha u qegħedhom fuqha biex jixegħlu madwarha.

38L-imqassijiet u l-bwieqi għaliha jkunu tad-deheb fin.

39L-imnara bil-bċejjeċ tagħha tkun ta’ talent deheb fin.

40Qis li tagħmilha fuq il-mudell li int rajt fuq il-muntanja.

## Eżodu 26

### It-tabernaklu


© 2020 Malta Bible Society.

1“U tagħmel it-tabernaklu b’għaxar purtieri, tagħmilhom tal-għażel minsuġ fin, vjola, porpra u skarlatt; bil-kerubini minsuġin fihom, xogħol tas-sengħa.

2Kull purtiera tkun tmienja u għoxrin driegħ twila, u erbat idriegħ wiesgħa, kollha daqs wieħed.

3Hames purtieri minnhom ikunu mgħaqqdin flimkien waħda mal-oħra u l-ħamsa l-oħra jkunu mgħaqqdin flimkien waħda mal-oħra.

4U tagħmel qfieli vjola fil-keffa tal-purtiera ta’ barra ta’ sett minnhom, u hekk ukoll tagħmel fil-keffa tal-purtiera ta’ barra tas-sett l-ieħor.

5Tagħmel ħamsin qafla f’purtiera waħda, u ħamsin qafla fil-keffa tal-purtiera tat-tieni sett; il-qfieli jkunu jaqblu waħda mal-oħra.

6U tagħmel ħamsin ħolqa tad-deheb, u tgħaqqad il-purtieri kollha flimkien waħda mal-oħra; u hekk it-tabernaklu jkun ħaġa waħda.

7“Tagħmel ukoll purtieri tax-xagħar tal-mogħoż għat-tinda tat-tabernaklu; tagħmel ħdax minnhom.

8Kull purtiera tkun ta’ tletin driegħ tul, u l-wisa’ tagħha erbat idriegħ; il-ħdax-il purtiera jkunu daqs wieħed.

9Hames purtieri minnhom tgħaqqadhom flimkien, u hekk ukoll is-sitta l-oħra, u titwi s-sitt waħda għal quddiem it-tinda.

10Tagħmel ħamsin qafla fil-keffa tal-purtiera ta’ barra f’sett, u ħamsin qafla oħra fil-keffa tal-purtiera ta’ barra tas-sett l-ieħor.

11Tagħmel ukoll ħamsin ħolqa tal-bronż; u ddaħħal dawn il-ħoloq fil-qfieli; u tgħaqqad it-tinda b’mod li ssir ħaġa waħda.

12“Il-biċċa li jifdal mill-purtieri tat-tinda, nofs il-purtiera li tibqa’, tiddendel għal wara t-tabernaklu.

13U d-driegħ f’naħa u d-driegħ fin-naħa l-oħra, li jifdal mit-tul tal-purtieri tat-tinda, jiddendlu mal-ġnub tat-tabernaklu, f’kull naħa, biex jgħattuh.

14U tagħmel ukoll għata għal fuq it-tinda mill-ġlud tal-muntun miżbugħin ħomor, u għata tad-denfil għal fuq kollox.

## It-tavlar tat-tabernaklu

15“U tagħmel twavel wieqfa tal-gażżi għat-tabernaklu,

16kull waħda twila għaxart idriegħ, u driegħ u nofs wiesgħa;

17ikun hemm żewġ minċotti f’kull tavla, biex tgħaqqadhom ma’ xulxin. Tagħmel l-istess bit-twavel kollha tat-tabernaklu.


© 2020 Malta Bible Society.

18Qassam it-twavel tat-tabernaklu b'dan il-mod: għoxrin tavla n-naħa ta' isfel,
iħarsu lejn in-Nofsinhar;

19tagħmel erbgħin imaqgħad tal-fidda taħt l-għoxrin tavla, tnejn għal waħda
għaż-żewġ minċotti tagħha u żewġ imqagħad għal taħt l-oħra għaż-żewġ
minċotti tagħha.

20Fuq it-tieni naħa, li tħares lejn it-Tramuntana, għoxrin tavla oħra,

21bl-erbgħin maqgħad tal-fidda tagħhom, tnejn taħt waħda u tnejn taħt l-oħra.

22Fuq in-naħa ta' wara li tħares lejn il-Punent, tagħmel sitt twavel.

23Tagħmel żewġt itwavel ukoll għall-kantunieri n-naħa ta' wara.

24Dawn ikunu magħqudin min-naħa ta' isfel ma' xulxin, u mir-ras jidħlu f'ħolqa
waħda. Agħmel l-istess għat-tnejn; dawn iservu għaż-żewġ kantunieri.

25Ikun hemm tmien twavel bil-maqgħad tagħhom tal-fidda, sittax-il maqgħad
b'kollox, żewġ imqagħad taħt tavla, u żewġ imqagħad taħt l-oħra.

26"Agħmel traversi tal-gażżi: ħamsa għat-twavel ta' naħa,

27u ħamsa għan-naħa l-oħra tat-tabernaklu; ħamsa oħra għan-naħa ta' wara tat-
tabernaklu li tħares lejn il-Punent.

28U t-traversa tan-nofs, f'nofs l-għoli tat-twavel, tgħaddi minn tarf għall-ieħor.

29Iksi t-twavel bid-deheb, agħmel ħoloq tad-deheb biex iżommu t-traversi, u iksi
t-traversi bid-deheb.

30"Twaqqaf it-tabernaklu skont il-mudell li rajt fuq il-muntanja.

## Il-velu

31"Tagħmel velu tal-għażel minsuġ fin, vjola, porpra u skarlatt, b'kerubini
minsuġin fih, xogħol tas-sengħa.

32Dendlu b'ganċijiet tad-deheb mal-erba' kolonni tal-gażżi miksija bid-deheb,
fuq erba' mqagħad tal-fidda.

33U int iddendel il-velu mal-anelli u ddaħħal l-arka tax-xhieda miktuba 'l ġewwa
mill-velu. Il-velu għalikom ikun mifred bejn il-post qaddis u l-post il-qaddis.

34Tqiegħed l-għatu fuq l-arka tax-xhieda miktuba fil-post il-qaddis.

35'Il barra mill-velu tqiegħed il-mejda n-naħa tat-Tramuntana: u l-imnara n-naħa
tan-Nofsinhar tat-tabernaklu biswit il-mejda.

36"Fid-dħul tat-tabernaklu tagħmel purtiera tal-għażel minsuġ fin, vjola, porpra
u skarlatt, xogħol in-nissieġ.


© 2020 Malta Bible Society.

[37]Tagħmel ħames kolonni tal-gażżi miksija bid-deheb għall-velu, agħmlilhom gançijiet tad-deheb, u ħames imqagħad tal-bronż.

# Eżodu 27

### L-artal tas-sagrifiċċju

[1]"Tagħmel l-artal tal-gażżi, ħamest idriegħ tul, u ħamsa wisa'; l-artal ikun kwadru, tlitt idriegħ għoli.

[2]Tagħmillu qarn f'kull kantuniera, miksi bil-bronż, biċċa waħda miegħu.

[3]Tagħmillu l-ħwat għall-irmied, pwali, bwieqi, imqassijiet u twaġen; dawn il-ħwejjeġ kollha tagħmilhom tal-bronż.

[4]Tagħmillu gradilja maħduma bħal xibka tal-bronż; fl-erba' kantunieri tax-xibka tagħmel erba' ħoloq tal-bronż.

[5]Tqegħedha taħt il-ħanek tal-artal b'mod li x-xibka tasal sa nofs l-għoli tal-artal.

[6]Tagħmel erba' lasti għall-artal, lasti tal-gażżi, miksija bil-bronż;

[7]u tgħaddihom minn ġol-ħoloq, b'mod li l-lasti jkunu fuq iż-żewġ naħat tal-artal meta jġorruh.

[8]Tagħmlu tat-twavel u vojt minn ġewwa, kif urejtek fuq il-muntanja.

### Il-bitħa

[9]"Tagħmel bitħa madwar it-tabernaklu; fuq in-naħa tan-nofsinhar ikollha purtieri wieqfa, għażel minsuġ fin, tul mitt driegħ għal naħa waħda;

[10]u l-pilastri jkunu għoxrin u l-għoxrin maqgħad tagħhom tal-bronż, imma l-gançijiet tal-pilastri u l-faxex tagħhom ikunu tal-fidda.

[11]U l-istess fuq in-naħa tat-Tramuntana jkun hemm ma' tulha kollu purtieri wieqfa mitt driegħ tul, b'għoxrin pilastru u għoxrin maqgħad tal-bronż, imma l-gançijiet tal-pilastri u l-faxex ikunu tal-fidda.

[12]Għall-wisa' tal-bitħa n-naħa tal-Punent ikun hemm purtiera mdendla tul ħamsin driegħ b'għaxar pilastri u għaxar imqagħad għalihom.

[13]Il-wisa' tal-bitħa n-naħa ta' quddiem lejn il-Lvant ikun ħamsin driegħ:

[14]b'purtiera ta' ħmistax-il driegħ fuq naħa, bi tliet pilastri bl-imqagħad tagħhom,

[15]u b'purtiera ta' ħmistax-il driegħ fuq in-naħa l-oħra tal-bieb bi tliet pilastri bl-imqagħad tagħhom.

[16]Għall-bieb tal-bitħa jkun hemm purtiera għoxrin driegħ wiesgħa tal-għażel fin, minsuġa bil-vjola, porpra u skarlatt, xogħol in-nissieġ; ikollha erba' pilastri u erba' mqagħad.


© 2020 Malta Bible Society.

17Il-pilastri madwar il-bitħa jkunu miksija bil-fidda; il-ganċijiet ikunu wkoll tal-fidda, u l-imqagħad tal-bronż.

18It-tul tal-bitħa jkun mitt driegħ, il-wisa' ħamsin, u l-għoli ħamest idriegħ, bi drapp imdendel tal-għażel fin, u l-imqagħad tal-bronż.

19It-tagħmir kollu tat-tabernaklu għal kulma jenħtieġ u l-imrabat kollha tiegħu u l-imrabat tal-bitħa jkunu kollha tal-bronż.

### Żejt għall-imnara

20"Int tordna lil ulied Iżrael biex iġibulek żejt taż-żebbuġ misħuq fin għall-imnara, biex iżżomm l-imsiebaħ mixgħula għal dejjem.

21U Aron u wliedu jqegħduha 'l barra mill-velu ta' quddiem it-tinda tax-xhieda miktuba u jżommuha mixgħula minn filgħaxija sa filgħodu quddiem il-Mulej. "Din tkun liġi li għandha titħares għal dejjem mill-poplu ta' Iżrael minn ġenerazzjoni għal oħra.

## Eżodu 28

### L-ilbies tal-qassisin

1"Ressaq lejk lil ħuk Aron u lil uliedu, minn fost il-poplu ta' Iżrael, biex jaqduni bħala qassisin, Aron u wlied Aron, Nadab u Abiħu, Elgħażar u Itamar.

2U int tagħmel ilbies imqaddes għal Aron, ħuk, għall-ġieħ u għall-ġmiel tiegħu.

3Kellem lil dawk kollha li għandhom il-ħila, u li jien żejjint bl-ispirtu tal-għerf, biex jagħmlu l-ilbies ta' Aron, biex tikkonsagrah qassis tiegħi.

4Dan hu l-ilbies li għandhom jagħmlu: pettorali, efod, mantar, tonka ċċangjata, turbant u terħa. Jagħmlu lbies sagru għal Aron ħuk u wliedu biex jaqduni bħala qassisin;

5u jieħdu biex jaħdmuhom deheb u ħajt vjola, porpra u skarlatt u għażel fin.

### L-efod

6"Jagħmlu l-efod mid-deheb, vjola, porpra u skarlatt, u għażel fin, xogħol tas-sengħa.

7Ikollu żewġ biċċiet għal fuq l-ispallejn, imwaħħla miż-żewġt itruf biex jinqafel minn fuq.

8U l-faxxa li żżommu f'postu tkun tal-istess xogħol tad-deheb u vjola, porpra u skarlatt, u għażel minsuġ fin.

9Hu żewġ ħaġriet tal-oniċi, u onqox fihom l-ismijiet ta' wlied Iżrael,

10sitta fuq waħda u sitta fuq l-oħra, skont l-ordni ta' twelidhom.


© 2020 Malta Bible Society.

11Bħalma l-arġentier jonqox iċ-ċrieket, hekk int tonqox l-ismijiet ta’ wlied Iżrael fiż-żewġ ħaġriet. Imbagħad ħithom u agħlaqhom f’dawra deheb,

12u waħħalhom fuq iż-żewġ bċejjeċ tal-efod, ġawhar għat-tifkira ta’ wlied Iżrael; u Aron iġib fuq spallejh l-ismijiet tagħhom b’tifkira quddiem il-Mulej.

13U tagħmel dwawar tad-deheb,

14u żewġ lazzijiet tad-deheb fin, mibrum bħal ħbula, u twaħħal dawn iż-żewġ lazzijiet mibruma mad-dwawar.

## Il-pettoral

15“U tagħmel il-pettoral tal-ġudizzju, xogħol tas-sengħa bħall-efod, tagħmlu tad-deheb, vjola, porpra u skarlatt, u għażel minsuġ fin.

16Ikun kwadru u mitwi, twil xiber b’xiber wisa’.

17U waħħal fih erba’ indani ta’ ħaġar prezzjuż: l-ewwel indana: sardju, topazju u żmerald;

18it-tieni indana: rubin, żaffir u djamant;

19it-tielet indana: ġjaċint, agta u ametist,

20ir-raba’ indana: krisoltu, oniċi u djaspru. Agħlaqhom fi dwawar tad-deheb.

21Ikun hemm tnax-il ħaġra daqs l-ismijiet ta’ wlied Iżrael, imnaqqxa bħaċ-ċrieket, kull waħda b’isimha skont it-tnax-il tribù.

22Għall-pettoral agħmel lazzijiet tad-deheb fin mibruma bħal ħbula;

23u agħmillu wkoll żewġ ħolqiet tad-deheb, u qegħedhom fiż-żewġt itruf tal-pettoral.

24U daħħal iż-żewġ lazzijiet tad-deheb fiż-żewġ ħolqiet fit-truf tal-pettoral.

25U ż-żewġt itruf taż-żewġ lazzijiet orbothom maż-żewġ dwawar u qegħedhom fuq il-biċċa tal-efod minn quddiem.

26Agħmel żewġ ħolqiet oħra tad-deheb u qegħedhom fiż-żewġt itruf tal-pettoral fuq in-naħa ta’ ġewwa li tmiss mal-efod.

27U agħmel żewġ ħolqiet oħra tad-deheb, u waħħalhom minn quddiem fit-tarf t’isfel ta’ waħda mill-bċejjeċ tal-efod, fir-rabta tiegħu ’l fuq mill-faxxa tal-efod.

28U jorbtu l-pettoral mill-ħoloq tiegħu mal-ħoloq tal-efod b’kurdiċella vjola, b’mod li jiġi fuq il-faxxa tal-efod, u li l-pettoral ma jinħallx minn fuq l-efod.

29“Hekk Aron iġib fuq qalbu l-ismijiet ta’ wlied Iżrael fil-pettoral tal-ġudizzju meta jidħol fil-post qaddis, u jġibhom b’tifkira għal dejjem quddiem il-Mulej.


© 2020 Malta Bible Society.

30 Fil-pettoral tal-ġudizzju int tqiegħed l-Urim u t-Tummim. U jkunu fuq qalb
Aron meta jidħol quddiem il-Mulej; hekk Aron iġib fuq qalbu dawn is-sinjali tal-
ġudizzju fuq Iżrael quddiem il-Mulej għal dejjem.

### Il-libsa tal-efod

31 "Agħmel ukoll il-libsa tal-efod kollha vjola.

32 F'nofsha tagħmlilha skullatura għar-ras. Agħmel tberfila minsuġa madwar il-
fetħa, bħal skullatura ta' qmis biex ma tiċċarratx.

33 Mal-keffa tagħha ddendel bħal rummien vjola, porpra u skarlatt, bi ġlieġel tad-
deheb dawramejt.

34 Ġolġol tad-deheb u rummiena, ġolġol tad-deheb u rummiena, mal-keffa tal-
libsa, id-dawra kollha.

35 U jilbisha Aron kull meta jkun jagħmel is-servizz tiegħu; u l-ħoss tagħha
jinstama' meta jidħol fis-santwarju quddiem il-Mulej, u meta joħroġ; u hekk ma
jmutx.

36 "U agħmel strixxa tad-deheb fin, u onqox bħal inċiżjoni fuq ċurkett, 'Qaddis lill-
Mulej',

37 u tħitha b'kurdiċella vjola mat-turbant in-naħa ta' quddiem.

38 Tkun fuq ġbin Aron, u Aron jieħu fuq spallejh il-ħtijiet li jsiru fir-riti li bihom
ulied Iżrael joffru d-doni mqaddsa tagħhom; tkun fuq ġbinu, biex jogħġbu lill-
Mulej.

39 "Agħmel it-tonka ċċangjata tal-għażel u t-turbant tal-għażel fin, u tagħmel
terħa tal-insiġ.

40 "Agħmel tonok għal ulied Aron u agħmlilhom trieħi u turbant għas-sebħ u l-
ġmiel tagħhom.

41 U libbishom lil Aron ħuk, u lil uliedu miegħu; idlikhom u kkonsagralhom
idejhom; u hekk tikkonsagrahom biex ikunu qassisin tiegħi.

42 U int agħmlilhom qliezet tal-għażel, biex jgħattu l-għera tagħhom, minn
qaddhom sa rkubbtejhom.

43 U jilbsuhom Aron u wliedu, meta jidħlu fit-tinda tal-laqgħa ta' Alla jew xħin
jersqu lejn l-artal biex iservu fis-santwarju; biex ma jkollhom ebda ħtija u ma
jmutux. Din hi l-liġi għalih u għal nislu għal dejjem.

## Eżodu 29

### Il-konsagrazzjoni tal-qassisin


© 2020 Malta Bible Society.

1“Dan hu r-rit li għandek iżżomm biex tikkonsagrahom, u jservuni bħala
qassisin. Ħu għoġol u żewġ imtaten bla difett.

2Ħu ħobż ażżmu u ftajjar bla ħmira miblula fiż-żejt, u ftajjar irqaq midluka biż-
żejt, u agħmilhom mid-dqiq tal-qamħ.

3U qegħedhom f’qoffa waħda, u ġibhom fil-qoffa, u ġib ukoll l-għoġol u l-imtaten.

4Ressaq lil Aron u ’l uliedu ħdejn il-bieb tat-tinda tal-laqgħa, u aħsilhom bl-ilma.

5Ħu l-ilbiesi u libbes lil Aron bit-tonka u l-libsa tal-efod, l-efod, u l-pettoral, u
ħażżmu bil-faxxa tal-efod,

6u qegħedlu t-turbant fuq rasu u qiegħed il-kuruna mqaddsa fuq it-turbant.

7U ħu ż-żejt għad-dlik u sawwabhulu fuq rasu u kkonsagrah.

8Imbagħad ressaq lil uliedu; libbishom it-tonok;

9ħażżimhom bit-trieħi, u xiddilhom it-turbant; u s-saċerdozju jkun tagħhom
b’liġi għal dejjem. Hekk int tagħmel qassisin lil Aron u lil uliedu.

10“Imbagħad ġib l-għoġol ħdejn it-tinda tal-laqgħa, u huma jqiegħdu idejhom fuq
rasu.

11U int oqtol l-għoġol quddiem il-Mulej, ħdejn il-bieb tat-tinda tal-laqgħa.

12Ħu ftit mid-demm tal-għoġol, u qiegħdu fuq qrun l-artal b’subgħajk; u l-bqija
tad-demm sawbu kollu f’riġlejn l-artal.

13Ħu x-xaħam li jiksi l-ġewwieni u t-tebqa tal-fwied u ż-żewġ kilwiet
b’xaħamhom, u aħraqhom fuq l-artal.

14Imma l-laħam tal-għoġol, il-ġild u l-ħmieġ tiegħu aħraqhom barra l-kamp. Dan
hu sagrifiċċju tal-purifikazzjoni.

15“Imbagħad ħu wieħed mill-imtaten, u Aron u wliedu jqiegħdu idejhom fuq ras
il-muntun.

16Oqtol il-muntun, iġbor id-demm tiegħu, u xerrdu fuq l-artal madwaru kollu.

17Imbagħad qatta’ l-muntun bċejjeċ, aħsel il-ġewwieni u s-saqajn tiegħu, u
qegħedhom fuq il-bċejjeċ u r-ras;

18u mbagħad aħraq il-muntun kollu fuq l-artal. Sagrifiċċju tal-ħruq ifuħ quddiem
il-Mulej, hu, sagrifiċċju bin-nar quddiem il-Mulej.

19“Ħu l-muntun l-ieħor; u Aron u wliedu jqiegħdu idejhom fuqu;

20u int oqtol il-muntun u ħu ftit minn demmu u miss bih tarf il-widna l-leminija
ta’ Aron u tarf il-widna l-leminija ta’ wliedu, u fuq subagħhom il-kbir ta’ idhom


© 2020 Malta Bible Society.

il-leminija, u subagħhom il-kbir ta' sieqhom il-leminija, u xerred il-bqija tad-demm taħt l-artal madwaru kollu.

21Imbagħad tieħu ftit mid-demm li jkun hemm fuq l-artal u miż-żejt tal-konsagrazzjoni, u roxx minnu fuq Aron u fuq ilbiesu, u fuq uliedu u lbieshom. Hekk hu u lbiesu jkunu kkonsagrati, u wliedu u lbies uliedu wkoll miegħu.

22"Imbagħad ħu x-xaħam tal-muntun, u d-denb, u x-xaħam li jiksi l-ġewwieni, u t-tebqa tal-fwied, u ż-żewġ kliewi b'xaħamhom, u s-sieq il-leminija, - għax dan hu l-muntun tal-konsagrazzjoni tal-qassisin;

23ħu ħobża u ftira biż-żejt u ftira oħra rqiqa mill-qoffa tal-ażżmu li qiegħed quddiem il-Mulej.

24Qiegħed dan kollu f'idejn Aron u idejn uliedu, u jgħolluhom u jxejruhom quddiem il-Mulej.

25Imbagħad ħu kollox minn idejhom u aħraqhom fuq l-artal flimkien mas-sagrifiċċju tal-ħruq, sagrifiċċju jfuħ quddiem il-Mulej, sagrifiċċju tan-nar quddiem il-Mulej.

26"Ħu s-sidra tal-muntun tal-konsagrazzjoni ta' Aron u għolliha u xejjirha quddiem il-Mulej; u dan ikun sehmek.

27Hekk tqaddes is-sidra li tkun xejjirt u offrejt; u s-sieq tal-muntun tal-konsagrazzjoni li int għollejt u offrejt, u li tmiss lill-qassisin, lil Aron u 'l uliedu;

28tmiss lilhom, lil Aron u wliedu bi dritt għal dejjem, bħala offerta mill-poplu ta' Iżrael. Dan ikun sehem il-qassisin mill-offerti tas-sliem li joffri l-poplu ta' Iżrael. Din hi l-offerta tagħhom lill-Mulej.

29"L-ilbies ikkonsagrat ta' Aron, ikun għal uliedu warajh, jilbsuh meta jkunu midluka u kkonsagrati.

30Ibnu, li jkun qassis floku, jilbishom għal sebat ijiem kull meta jidħol fit-tinda tal-laqgħa biex jagħmel is-servizz fis-santwarju.

31"Int ħu l-muntun tal-konsagrazzjoni u għalli laħmu f'post qaddis.

32U Aron u wliedu jieklu l-laħam tal-muntun u l-ħobż li jkun hemm fil-qoffa ħdejn il-bieb tat-tinda tal-laqgħa.

33Jieklu dak kollu li bih saret it-tpattija għall-ħatra u l-konsagrazzjoni tagħhom; ebda profan ma jista' jiekol minnu, għax dan ikel qaddis.

34Jekk imbagħad jibqa' sa filgħodu xi fdal mil-laħam offert għall-ħatra jew mill-ħobż offert, int għandek taħarqu bin-nar, m'għandux jittiekel, għax ħaġa qaddisa.

35"Dan int tagħmel ma' Aron u wliedu, skont ma ordnajtlek; sebat ijiem idum ir-rit tal-konsagrazzjoni.


© 2020 Malta Bible Society.

36Int offri għoġol kuljum b'sagrifiċċju tal-purifikazzjoni għall-espjazzjoni. Int ukoll toffri sagrifiċċju tal-purifikazzjoni għall-artal meta tiġi biex tagħmel għalik ir-rit tal-espjazzjoni, u tidilku u tikkonsagrah.

37Sebat ijiem idum ir-rit tal-espjazzjoni għall-artal; u l-artal isir ħaġa mill-aktar qaddisa, u kull min imiss miegħu jitqaddes.

### Is-sagrifiċċju ta' kuljum

38"Dan hu li għandek toffri għal dejjem fuq l-artal: żewġt iħrief ta' dik is-sena kuljum;

39ħaruf filgħodu u ieħor filgħaxija.

40Mal-ewwel wieħed toffri daqs siegħ dqiq fin ma' tlitt infas taż-żebbuġ misħuq; u sawwab tlitt infas inbid.

41Int toffri l-ħaruf l-ieħor filgħaxija, u bħal filgħodu toffri miegħu d-dqiq u t-tiswib taż-żejt u l-inbid - offerta tfuħ, offerta bin-nar lill-Mulej.

42Din tkun sagrifiċċju tal-ħruq għal dejjem minn ġenerazzjoni għal oħra tagħkom quddiem il-bieb tat-tinda tal-laqgħa, fejn niltaqa' miegħek biex hemm inkellmek.

43Hemm niltaqa' mal-poplu ta' Iżrael, u tkunu mqaddsa bil-glorja tiegħi.

44Jien nikkonsagra t-tinda tal-laqgħa u l-artal; u nikkonsagra wkoll lil Aron u lil uliedu biex ikunu qassisin ħa jservuni.

45"Jien ngħammar f'nofs ulied Iżrael, u jien inkun Alla tagħhom,

46u huma jkunu jafu li jien il-Mulej, Alla tagħhom, li ħriġthom mill-art tal-Eġittu biex ngħammar f'nofshom. Jien il-Mulej Alla tagħhom.

## Eżodu 30

### L-artal tal-inċens

1"Int tagħmel l-artal biex taħraq l-inċens fuqu, tagħmlu tal-injam tal-gażżi,

2u jkun kwadru: driegħ tul, u driegħ wisa'; u żewġt idriegħ għoli, bil-qrun ħerġin minnu.

3U int tiksih bid-deheb fin: il-wiċċ, il-ġnub dawramejt, u l-qrun. U tagħmillu kuruna tad-deheb madwaru.

4Tagħmillu żewġ ħolqiet tad-deheb; tqegħedhom taħt il-kuruna fuq żewġ naħat, u jkunu jservu biex jidħlu fihom il-lasti biex iġorruh bihom.

5Dawn il-lasti tagħmilhom mill-injam tal-gażżi, u tiksihom bid-deheb.


© 2020 Malta Bible Society.

6Imbagħad tqiegħdu quddiem il-velu biswit l-arka tax-xhieda miktuba fejn jien niltaqa' miegħek.

7Aron jaħraq l-inċens ifuħ fuqu; jaħarqu kull filgħodu meta jidħol biex inaddaf u jlesti l-imsiebaħ;

8u jaħarqu wkoll filgħaxija xħin iqiegħed l-imsiebaħ. Hekk ikun hemm dejjem inċens jaħraq quddiem il-Mulej, minn ġenerazzjoni għal oħra.

9Toffrux fuqu inċens profan, lanqas sagrifiċċju tal-ħruq, jew xi offerta tal-qamħ; u ssawwab xejn fuqu.

10Aron jagħmel ir-rit tal-espjazzjoni fuq qrunu darba fis-sena; jagħmel ir-rit tal-espjazzjoni darba fis-sena bid-demm tas-sagrifiċċju tal-purifikazzjoni matul il-ġenerazzjonijiet kollha; rit mill-aktar qaddis għall-Mulej."

### L-offerta għat-tabernaklu

11U l-Mulej qal lil Mosè:

12"Meta tiġi biex tgħodd lil ulied Iżrael, kull wieħed, malli tgħoddu, jagħti xi ħaġa lill-Mulej għall-fidwa tiegħu nnifsu, li ma jkun hemm ebda mard fostkom waqt l-għadd.

13Kull min ikun magħdud iħallas dan: nofs xekel skont ix-xwiekel tas-santwarju - xekel ta' għoxrin gera - u nofs xekel bħala offerta lill-Mulej.

14Kull wieħed li jgħaddi mal-magħdudin, minn għoxrin sena 'l fuq, iħallas it-taxxa tal-Mulej.

15Hadd, la sinjur u anqas fqir, ma għandu jħallas aktar jew inqas minn nofs xekel għall-fidwa tiegħu nnifsu meta jagħmlu l-offerta tal-Mulej.

16Il-flus tal-fidwa li tiġbor mingħand il-poplu jmorru għall-ħtiġiet tat-tinda tal-laqgħa; hekk din l-offerta sservi biex tfakkar il-Mulej f'ulied Iżrael, għall-fidwa tagħkom infuskom."

### Il-ħawt tal-bronż

17Il-Mulej qal lil Mosè:

18"Int tagħmel ukoll ħawt tal-bronż, bil-maqgħad tal-bronż, għall-ħasil. Tqiegħdu bejn it-tinda tal-laqgħa u l-artal, u timlieh bl-ilma.

19Fih Aron u wliedu jaħslu idejhom u riġlejhom.

20Kull meta jidħlu fit-tinda, jew kull meta jersqu jservu ħdejn l-artal u joffru s-sagrifiċċju tal-ħruq lill-Mulej, huma għandhom jinħaslu bl-ilma, inkella jmutu.

21Jaħslu idejhom u riġlejhom, inkella jmutu; din hi liġi għal dejjem għalihom, għalih u għal nislu minn ġenerazzjoni għal oħra."

### Iż-żejt tal-konsagrazzjoni


© 2020 Malta Bible Society.

22Il-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

23"Ħu mill-aħjar ħwawar; ħames mitt xekel ta' mirra safja; daqs nofsha kannella tfuħ, jiġifieri, mitejn u ħamsin xekel; mitejn u ħamsin xekel oħra qasab tal-fwieħa;

24ħames mitt xekel kassja skont ix-xekel tas-santwarju; u ħinn żejt taż-żebbuġ.

25B'dawn kollha tagħmel iż-żejt għad-dlik imqaddes; fwieħa maħduma bis-sengħa ta' fewwieħ; ikun żejt ikkonsagrat għall-unzjonijiet.

26Bih int tidlek it-tinda tal-laqgħa u l-arka tax-xhieda miktuba;

27il-mejda u t-tagħmir kollu tagħha; l-imnara u l-bċejjeċ tagħha kollha; l-artal tal-inċens;

28u l-artal tas-sagrifiċċju tal-ħruq bit-tagħmir kollu tiegħu; u l-ħawt u l-maqgħad tiegħu.

29Int tikkonsagrahom biex ikunu ħwejjeġ mill-aktar qaddisa; u kulma jmiss magħhom jitqaddes.

30Int tidlek lil Aron u wliedu, u tikkonsagrahom biex iservuni ta' qassisin.

31Int tgħid lill-poplu ta' Iżrael: 'Dan ikun għalija ż-żejt qaddis tal-konsagrazzjoni, minn nisel għal nisel tagħkom.

32Ma għandux jissawwab fuq ġisem il-bniedem, u tagħmilx taħlita oħra bħalha; għax hu kkonsagrat u għandu jkun qaddis għalikom.

33Min jagħmel taħlita bħalha, jew min isawbu fuq xi wieħed profan, jinqata' minn niesu.' "

### L-inċens

34U l-Mulej qal lil Mosè: "Ħu daqs wieħed minn dawn il-ħwawar: stakti, bebbux ifuħ, galbanu, u inċens ifuħ.

35Agħmel minnhom inċens ifuħ, imħallat bil-melħ, taħlita bħal tal-fewwieħ, safja u qaddisa.

36Isħaq ftit minnu fi trab irqiq, u qiegħed ftit minnu quddiem ix-xhieda miktuba fit-tinda tal-laqgħa, fejn jien niltaqa' miegħek: tkun għalikom ħaġa mill-aktar qaddisa.

37U dan l-inċens li int tagħmel skont din it-taħlita, tagħmlux bħalu; għalikom tkun ħaġa kkonsagrata lill-Mulej.

38Min jagħmel bħalha biex jitfewwaħ biha, jinqata' minn niesu."

## Eżodu 31

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

### In-nies tas-sengħa

1U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

2"Ara, jien sejjaħt b'ismu lil Besalel bin Uri, bin Hur, mit-tribù ta' Ġuda;

3u mlejtu bl-ispirtu ta' Alla, b'ħila u b'dehen, bl-għerf u bis-sengħa f'kull xogħol;

4biex ifassal u jimmudella, u jaħdem fid-deheb, fil-fidda u fil-bronż;

5jonqox il-ħaġar għat-tqegħid u jaħdem l-injam għal kull xogħol.

6"Ara jien għażilt għal miegħu lil Oħolijab, bin Aħisamak, mit-tribù ta' Dan; u tajt
il-ħila lin-nies kapaċi biex jagħmlu kulma kkmandajtek;

7it-tinda tal-laqgħa, l-arka tax-xhieda miktuba u l-għatu tagħha, u t-tagħmir kollu
tat-tinda;

8il-mejda bit-tagħmir tagħha, l-imnara s-safja u l-bċejjeċ tagħha; l-artal tal-
inċens,

9l-artal tas-sagrifiċċji maħruqa bit-tagħmir tiegħu; il-ħawt bil-maqgħad tiegħu;

10l-ilbies tas-servizz u l-ilbies sagru ta' Aron, il-qassis; ilbies uliedu, biex iservu
ta' qassisin;

11iż-żejt tal-konsagrazzjoni, l-inċens ifuħ għall-post qaddis; kollox għandhom
jagħmlu kif ordnajtlek."

### Il-ħarsien tas-Sibt

12U l-Mulej qal lil Mosè:

13"Kellem lil ulied Iżrael u għidilhom: 'Fuq kollox ħarsu s-Sibtijiet tiegħi. Għax
dan hu s-sinjal bejni u bejnkom, minn ġenerazzjoni għal oħra, li jien il-Mulej li
nqaddiskom.

14Tħarsu s-Sibt, għax hu qaddis għalikom. Min jiksru jmut żgur, għax min
jagħmel xi xogħol fih jinqata' minn niesu.

15Int taħdem għal sitt ijiem, imma s-seba' jum hu s-Sibt tal-mistrieħ, jum qaddis
għall-Mulej; kull min jaħdem f'jum is-Sibt, ikun ħaqqu l-mewt.

16Ulied Iżrael għandhom iħarsu s-Sibt, iħarsuh minn ġenerazzjoni għal oħra,
bħala patt għal dejjem.

17Ikun sinjal għal dejjem bejni u bejn ulied Iżrael, għaliex f'sitt ijiem għamel il-
Mulej is-smewwiet u l-art, u fis-seba' jum waqaf mix-xogħol u strieħ."

18Meta temm jitħaddet ma' Mosè fuq il-muntanja tas-Sinaj, il-Mulej tah it-twavel
tal-ġebel miktuba bis-saba' ta' Alla.


© 2020 Malta Bible Society.

# Eżodu 32

### L-għoġol tad-deheb

1Il-poplu, meta ra li Mosè ddawwar ma niżel minn fuq il-muntanja, inġabar
madwar Aron u qallu: "Qum u agħmlilna allat li jimxu quddiemna, għax dan
Mosè, il-bniedem li tellagħna mill-art tal-Eġittu, ma nafux x'sar minnu."

2Aron weġibhom: "Neħħu l-imsielet tad-deheb li hemm imdendlin ma' widnejn
in-nisa tagħkom u ta' wliedkom, subien u bniet, u ġibuhomli."

3U l-poplu kollu neħħa l-imsielet tad-deheb li kellhom f'widnejhom, u ġabuhom
lil Aron.

4U ħadhom minn idejhom, xeħethom fil-forma, u għamel għoġol tal-metal
imdewweb. U qalu: "Dawn huma l-allat tiegħek, ja Iżrael, li tellgħuk mill-art tal-
Eġittu."

5Malli ra dan Aron bena artal quddiemhom u għamel sejħa u qal: "Għada ssir
festa lill-Mulej."

6U bakkru filgħodu, offrew is-sagrifiċċji u ġiebu offerti tas-sliem. U l-poplu kollu
qagħad jiekol u jixrob, u mbagħad qamu jixxalaw.

7Il-Mulej qal lil Mosè: "Mur u inżel, għaliex tħassar il-poplu tiegħek, li inti tellajt
mill-Eġittu.

8Malajr warrbu mit-triq li jiena wrejthom: għamlu għalihom għoġol tal-metall
imdewweb, niżlu wiċċhom fl-art iqimuh, u offrewlu sagrifiċċju u qalu: 'Dawn
huma l-allat tiegħek, Iżrael, li tellgħuk mill-art tal-Eġittu.' "

9U l-Mulej issokta jgħid lil Mosè: "Jiena ħarist lejn dan il-poplu, u rajt li hu poplu
ta' ras iebsa.

10Hallini waħdi, issa, ħalli nixgħel il-korla tiegħi għalihom u neqridhom. U lilek
nagħmlek ġens kbir."

11Mosè mbagħad talab bil-ħniena quddiem il-Mulej, Alla tiegħu, u qal: "Għaliex,
Mulej, tixgħel bil-korla tiegħek għall-poplu tiegħek, li int, b'ħila kbira u b'id
qawwija, ħriġtu mill-art tal-Eġittu?

12L-għala għandhom jgħidu l-Eġizzjani: 'Araw x'deni għamlilhom: ħariġhom biex
itemmhom fil-muntanji u jeqridhom minn wiċċ l-art?' Erġa' lura mis-saħna tal-
korla tiegħek, u reġġa' lura l-ħsara li trid tagħmel lill-poplu tiegħek.

13Ftakar f'Abraham, f'Iżakk u f'Iżrael, il-qaddejja tiegħek, li int ħliftilhom bik
innifsek u għedtilhom: 'Inkattar in-nisel tagħkom bħall-kwiekeb tas-sema, u din
l-art kollha, li jien wegħedt, nagħtiha lil nisilkom bħala wirt għal dejjem.' "

14U l-Mulej nidem mill-ħsara li qal li kien se jagħmel lill-poplu tiegħu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

### Mosè jkisser it-twavel tal-liġi

15U Mosè dar u niżel minn fuq il-muntanja biż-żewġ twavel tax-xhieda f'idejh,
miktuba minn naħa u minn oħra.

16It-twavel kienu xogħol Alla; u l-kitba kienet kitbet Alla, minquxa fuq it-twavel.

17Malli Ġożwè sama' l-għagħa tan-nies, qal lil Mosè: "Hemm ħoss ta' xi taqbida
fil-kamp."

18U wieġbu: "Mhux ħoss l-għajjat ta' rebħa; Mhux ħoss l-għajjat ta' telfa. Imma l-
ħoss ta' għana li qiegħed nisma'."

19Malli qorob lejn il-kamp u ra l-għoġol u ż-żfin, Mosè xegħel bil-korla, tajjar it-
twavel minn idejh, u kissirhom taħt il-muntanja.

20U qabad l-għoġol, li kienu għamlu, u ħarqu fin-nar; saħqu sakemm għamlu trab,
u ħalltu mal-ilma, u sqieh lil ulied Iżrael.

21U Mosè qal lil Aron: "X'għamillek dan il-poplu biex ġibt din il-ħtija kbira fuqu?"
Aron wieġeb: "Tixgħelx bil-qilla, Sidi!

22Int taf li dan il-poplu hu miġbud għall-ħażen.

23Qaluli: 'Agħmlilna allat li jimxu quddiemna, għax dan Mosè, il-bniedem li
tellagħna mill-Eġittu, ma nafux x'sar minnu.'

24U jien għedtilhom: 'Min għandu xi deheb, jinżgħu u jagħtihuli.' Imbagħad jien
tfajtu fin-nar u ħareġ dan l-għoġol."

### Il-kastig

25Mosè ra li l-poplu kien bla rażan, għax Aron neħħielu kull rażan, b'għajb
għalihom quddiem l-għedewwa tagħhom.

26Imbagħad Mosè qagħad fil-bieb tal-kamp u qalilhom: "Min iżomm mal-Mulej
jiġi ħdejja." U wlied Levi kollha nġabru ħdejh.

27U qalilhom: "Dan jgħid il-Mulej, Alla ta' Iżrael: 'Ħa jieħu kull wieħed is-sejf
tiegħu u jitħażżem bih. Aqsmu u erġgħu aqsmu l-kamp minn naħa għal oħra,
minn bieb għal bieb, u oqtlu kull wieħed, imqar lil ħuh, lil ħabibu, lil ġaru.' "

28Ulied Levi għamlu kif qalilhom Mosè. Dak in-nhar inqerdu mill-poplu tlitt elef
ruħ.

29Mosè qal: "Illum intom ikkonsagrajtu rwieħkom lil ħutkom; u ġbidtu llum il-
barka fuqkom."

### Mosè jitlob għall-poplu

30L-għada Mosè kellem lill-poplu u qallu: "Għamiltu dnub kbir. Issa nitla' ħdejn
il-Mulej, għandi mnejn naqlgħalkom il-maħfra."


© 2020 Malta Bible Society.

31Għalhekk Mosè raġa' mar għand il-Mulej u qallu: "Ah! dan il-poplu għamel dnub kbir, għax għamlu alla tad-deheb.

32Issa, jekk trid taħfrilhom, aħfrilhom; imma jekk ma taħfrilhomx ħassarni mill-ktieb li inti ktibt."

33Il-Mulej wieġeb lill-Mosè: "Mill-ktieb tiegħi nħassar lill-bniedem li jidneb.

34Mur issa, mexxi lill-poplu għal fejn għedtlek. Ara, l-anġlu tiegħi jimxi quddiemek; iżda jasal jum meta nżurhom u nikkastigahom għal dnubiethom."

35U l-Mulej darab il-poplu talli għamel l-għoġol li kien sawwarlu Aron.

## Eżodu 33

### L-ordni għat-tluq

1Il-Mulej kellem lil Mosè: "Mur, itla' minn hawn, int u l-poplu li int tellajt mill-Eġittu, lejn l-art li jien ħlift li nagħti lil Abraham, lil Iżakk, u lil Ġakobb; u għedtilhom: 'Lil nislek nagħtiha.'

2Jien nibgħat l-anġlu tiegħi quddiemek u nkeċċi minn quddiemek il-Kangħanin u l-Amurrin, il-Ħittin u l-Periżżin, il-Ħiwwin u l-Ġebusin;

3lejn art tnixxi ħalib u għasel. Jien ma nitlax f'nofskom magħkom, għax int poplu ta' ras iebsa, li ma mmurx neqirdek fit-triq."

4Il-poplu sama' din l-aħbar ħażina, sewdu qalbhom, u ħadd ma libes ħwejjeġ sbieħ fuqu.

5U l-Mulej qal lil Mosè: "Għid lil ulied Iżrael: 'Intom poplu ta' ras iebsa. Jekk jiena niġi magħkom, f'waqt wieħed jien nista' neqirdek. U issa neħħi t-tiżjin kollu minn fuqek, u nkun naf x'għandi nagħmillek.' "

6U wlied Iżrael neħħew minn fuqhom it-tiżjin kollu, minn mindu ħallew il-muntanja tal-Ħoreb 'il quddiem.

7Mosè kien jieħu tinda u jwaqqafha barra l-kamp, u 'l bogħod mill-kamp, u semmieha: 'It-tinda tal-laqgħa'. Kull min kien ifittex il-Mulej, kien joħroġ lejn it-tinda tal-laqgħa, li kienet barra l-kamp.

8Kull meta Mosè kien joħroġ lejn it-tinda kien iqum il-poplu kollu u kull wieħed kien joqgħod wieqaf quddiem it-tinda, u jħarsu lejn Mosè sa ma jidħol fit-tinda.

9Kull meta Mosè kien jidħol fit-tinda kienet tinżel kolonna ta' sħab, u tieqaf fil-bieb, u titkellem ma' Mosè.

10Il-poplu kollu kien jara din il-kolonna ta' sħab wieqfa fil-bieb tat-tinda, u kien iqum il-poplu kollu, u jmilu u jinżlu wiċċhom fl-art, kulħadd quddiem il-bieb tat-tinda tiegħu.


© 2020 Malta Bible Society.

[11]Il-Mulej kien ikellem lil Mosè wiċċ imb wiċċ, bħalma bniedem ikellem lil ħabibu; imbagħad Mosè kien jerġa' lura lejn il-kamp; imma Ġożwè bin Nun, żagħżugħ, ma kienx joħroġ mit-tinda.

[12]Mosè kellem lill-Mulej u qallu: "Ara, int għedtli: 'Talla' lil dan il-poplu,' u ma għedtlix lil min se tibgħat miegħi. U int għedt: 'Jien nafek b'ismek, u int sibt ukoll ħniena f'għajnejja.'

[13]U issa, jekk jien tassew sibt ħniena quddiemek, għallimni triqatek, biex nagħrfek u nsib ħniena quddiemek. Qis ukoll li dan il-ġens hu l-poplu tiegħek."

[14]U l-Mulej wieġeb: "Il-preżenza tiegħi tiġi miegħek, u nserraħlek rasek."

[15]U qallu: "Jekk il-preżenza tiegħek ma tiġix magħna, ittellagħniex minn hawn.

[16]Kif se nkun naf jekk sibtx ħniena quddiemek, jien u l-poplu tiegħek? Mhux għax inti timxi magħna ningħażlu, jien u l-poplu tiegħek, mill-popli l-oħra kollha li jinsabu fuq wiċċ l-art?"

[17]U l-Mulej wieġeb lil Mosè: "Jien nagħmel dan li għedtli, għax int sibt ħniena quddiemi u għaraftek b'ismek."

[18]Mosè qal lill-Mulej: "Ħallini, nitolbok, nara l-glorja tiegħek."

[19]U l-Mulej wieġbu: "Jiena ngħaddi tjubiti kollha minn quddiemek, u ngħajjat l-isem tiegħi 'Jaħweh' quddiemek. Jiena nħenn għal min irrid inħenn, u nitħassar lil min irrid nitħassar."

[20]U żied jgħidlu: "Imma int ma tistax tara 'l wiċċi, għax ebda bniedem ma jarani u jibqa' ħaj."

[21]U l-Mulej qal lil Mosè: "Ara, hawn post ħdejja, fejn tista' toqgħod fuq il-blata.

[22]U hija u għaddejja l-glorja tiegħi, inqiegħdek f'xaqq il-blata, u ngħattik b'idi sakemm ngħaddi.

[23]Imbagħad inneħħi idi, u tara dahri, għax wiċċi ma jarah ħadd."

## Eżodu 34

### Twavel ġodda

[1]Il-Mulej qal lil Mosè: "Fassal żewġ twavel tal-ġebel bħal ta' qabel, u jien nikteb fuq it-twavel il-kliem li kien hemm fuq ta' qabel, u li int kissirt.

[2]Lestihom għal filgħodu, u filgħodu itla' fuq il-muntanja tas-Sinaj, u oqgħod hemm, u stennieni fuq il-quċċata.

[3]Ħadd ma għandu jitla' miegħek u ebda bniedem ma għandu jidher f'ebda post tal-muntanja; lanqas ma jkun hemm jirgħu mrieħel jew baqar ħdejn il-muntanja."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

4Mosè fassal żewġ twavel tal-ġebel bħal ta' qabel, u qam filgħodu kmieni, u tala'
fuq il-muntanja tas-Sinaj, kif kien ordnalu l-Mulej, u ħa f'idejh iż-żewġ twavel tal-
ġebel.

5Imbagħad il-Mulej niżel fi sħaba u waqaf hemm maġenbu; u xandar l-isem tal-
Mulej.

6U l-Mulej għadda minn quddiemu u għajjat: "Jaħweh! Jaħweh! Alla li jagħder u
jħenn; tqil biex jagħdab u kbir fit-tjieba u l-fedeltà.

7Iħares it-tjieba għal elf ġenerazzjoni u jaħfer il-ħażen, id-dnub u l-ħtija; imma
ma jħalli xejn għaddej; jikkastiga l-ħażen tal-missirijiet f'uliedhom u f'ulied
uliedhom sat-tielet u r-raba' ġenerazzjoni."

8Mosè minnufih inxteħet għal wiċċu fl-art, ta qima u qal:

9"Jekk jien tassew sibt ħniena quddiemek, Sidi, ħa jiġi Sidi ġo nofsna, nitolbok;
għax dan hu poplu rasu iebsa. Aħfrilna ħżunietna u ħtijietna, u ħudna b'wirt
għalik."

### Il-liġijiet tal-patt

10U qallu: "Arani, se nagħmel patt: Se nagħmel l-għeġubijiet quddiem il-poplu
tiegħek, li qatt ma saru fid-dinja kollha u fost ebda ġens, u l-poplu li int f'nofsu
jara l-opri tal-Mulej; għax ħwejjeġ tal-biża' dak li se nagħmel miegħek.

11Hares kulma se nikkmandak illum. Arani se nkeċċi minn quddiemek l-Amurrin
u l-Kangħanin, il-Ħittin u l-Periżżin, il-Ħiwwin, u l-Ġebusin.

12Qis li ma tidħol f'ebda patt man-nies li joqogħdu fl-art li se tidħol fiha, li ma
jkunux għalik nasba ġo nofsok.

13Ġarraf l-artali tagħhom; kisser il-plieri tagħhom u qaċċat ix-xbihat tal-Asera.

14Tmilx ruħek u tqim ebda alla ieħor, għax il-Mulej 'Għajjur' ismu; Alla
għajjur hu.

15"Qis li ma tidħol f'ebda patt man-nies li jgħammru fl-art, biex meta jiżnu wara
l-allat tagħhom, ma jistednukx għas-sagrifiċċji lill-allat tagħhom, u int tiekol mill-
artali tagħhom.

16U la tiħux mill-bniet tagħhom għal uliedek, inkella meta l-bniet tagħhom jiżnu
wara l-allat tagħhom, iġiegħlu 'l uliedek ukoll jiżnu wara allathom.

17"Tagħmilx allat tal-metal imdewweb.

18"Hares il-festa tal-Ażżmi; għal sebat ijiem tiekol ħobż ażżmu, kif jien
ikkmandajtek, fiż-żmien tax-xahar ta' Abib; għax fix-xahar ta' Abib ħriġt mill-
Eġittu.


© 2020 Malta Bible Society.

19“Kulma jitwieled l-ewwel mill-ġuf ikun tiegħi, u kull ferħ raġel tal-imrieħel tiegħek, għoġol jew ħaruf.

20L-ewwel ferħ ta’ ħmar tifdih b’nagħġa, u jekk ma tifdihx b’nagħġa, iksirlu għonqu. L-ewwel fost uliedek tifdih; u ħadd ma għandu jersaq quddiemi u jara wiċċi b’idu f’idu.

## Il-ħarsien tas-Sibt

21“Għal sitt ijiem taħdem, u tistrieħ fis-seba’ jum; tistrieħ ukoll fi żmien il-ħrit u fi żmien il-ħsad.

22“U tagħmel il-festa tal-Ġimgħat, tal-bikri ta’ ħsad il-qamħ; u l-festa tal-Ġabra f’għeluq is-sena.

23Tliet darbiet fis-sena l-irġiel tiegħek jidhru quddiem is-Sid, il-Mulej, Alla ta’ Iżrael.

24Għaliex meta jien inkun keċċejt il-ġnus minn quddiemek u wessajt il-fruntieri tiegħek, ma jkun hemm ħadd li jixxennaq għal artek, meta titla’ biex tara wiċċ il-Mulej, Alla tiegħek, tliet darbiet fis-sena.

25“La toffrix bl-ażżmu d-demm tas-sagrifiċċju tiegħi; anqas ma għandu s-sagrifiċċju tal-Għid jitħalla għal filgħodu.

26L-aħjar tal-bikri tal-frott tar-raba’ tiegħek ġibu fid-dar tal-Mulej, Alla tiegħek. “La tgħallix il-gidi f’ħalib ommu.”

27U l-Mulej qal lil Mosè: “Ikteb dawn il-kelmiet; għax fuq dawn il-kelmiet jien għamilt patt miegħek u ma’ Iżrael.”

28Mosè baqa’ mal-Mulej erbgħin jum u erbgħin lejl, mingħajr ma kiel ħobż jew xorob ilma. U kiteb fuq it-twavel il-kliem tal-patt, l-għaxar Kelmiet.

## Wiċċ Mosè jiddi

29Ġara li, meta niżel minn fuq il-muntanja tas-Sinaj biż-żewġ twavel tax-xhieda f’idu, Mosè ma kienx jaf li l-ġilda ta’ wiċċu kienet tiddi billi kien qorob lejh Alla.

30U meta Aron, u l-ulied kollha ta’ Iżrael raw lil Mosè bil-ġilda ta’ wiċċu tiddi, beżgħu jersqu lejh.

31Iżda Mosè sejħilhom, u resqu lejh Aron u l-kbarat kollha tal-ġemgħa, u Mosè qagħad ikellimhom.

32Imbagħad resqu wkoll l-ulied kollha ta’ Iżrael, u Mosè ordnalhom kulma kien qallu l-Mulej fuq il-muntanja tas-Sinaj.

33Meta Mosè temm jitkellem magħhom, għatta wiċċu b’velu.


© 2020 Malta Bible Society.

[34]Imma meta kien jidħol quddiem il-Mulej biex jitkellem miegħu, Mosè kien ineħħi l-velu sa ma kien joħroġ. Meta mbagħad kien joħroġ, kien jgħid lil ulied Iżrael kulma kien ordnalu l-Mulej.

[35]Meta wlied Iżrael kienu jħarsu lejn Mosè, kienu jarawlu l-ġilda ta' wiċċu tiddi, u Mosè kien jerġa' jqiegħed il-velu fuq wiċċu sa ma jerġa' jidħol jitkellem mal-Mulej.

# Eżodu 35

### Il-mistrieħ tas-Sibt

[1]Mosè laqqa' l-ġemgħa kollha ta' wlied Iżrael u qalilhom: "Dawn huma l-kmandamenti tal-Mulej biex tħarsuhom.

[2]"Għal sitt ijiem taħdmu u s-seba' jum ikun imqaddes għalikom; ikun mistrieħ kbir għall-Mulej. Kull min jaħdem f'dan il-jum jagħtuh il-mewt.

[3]Tkebbsux nar fi djarkom f'jum is-Sibt."

### Il-bini tat-tabernaklu

[4]U Mosè kellem lill-ġemgħa kollha ta' Iżrael u qalilhom: "Dan hu l-kmandament li l-Mulej Alla kkmandakom meta qal:

[5]Ħudu milli għandkom offerta lill-Mulej. Kull min jitħajjar jagħti minn qalbu ħa jġib l-offerti quddiem il-Mulej: deheb, fidda, u bronż;

[6]vjola, porpra u skarlatt; għażel fin; xagħar tal-mogħoż,

[7]ġlud tal-muntun miżbugħin ħomor u ġlud tad-denfil; injam tal-gażżi;

[8]żejt għall-imnariet, ħwawar għaż-żejt tal-konsagrazzjoni u għall-inċens ifuħ;

[9]ħaġar tal-oniċi u ħaġar għat-tqegħid fl-efod u l-pettoral.

[10]"Ħa jersqu n-nies kollha tas-sengħa li hemm fostkom u jagħmlu dak kollu li ordna l-Mulej:

[11]it-tabernaklu, it-tinda u l-għata tagħha, l-anelli u l-imqagħad tagħha;

[12]l-arka u l-lasti tagħha, l-għatu tagħha, u l-purtiera tal-velu;

[13]il-mejda u l-lasti, it-tagħmir kollu tagħha, u l-ħobż tal-preżenza;

[14]l-imnara għad-dawl u l-bċejjeċ tagħha, u l-imsiebaħ tagħha u ż-żejt għad-dawl;

[15]u l-artal tal-inċens u l-lasti tiegħu, iż-żejt tal-konsagrazzjoni u l-inċens ifuħ; u l-purtiera għall-bieb fi dħul it-tabernaklu;

[16]l-artal tas-sagrifiċċju u l-gradilja tal-bronż, il-lasti tiegħu u t-tagħmir kollu tiegħu, il-ħawt u l-maqgħad tiegħu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

17Id-drapp għall-bitħa, il-pilastri u l-imqagħad tagħhom, u l-purtiera għall-bieb tal-bitħa.

18Il-minċotti tat-tabernaklu u l-ganċijiet għall-bitħa u l-ħbula tagħhom;

19l-ilbies tas-servizz għas-servizz fil-post qaddis, l-ilbies sagru għal Aron, il-qassis, u l-ilbies għal uliedu għas-servizz tagħhom ta' qassisin.

### L-offerti għat-tabernaklu

20U l-ġemgħa kollha ta' Iżrael telqu minn quddiem Mosè.

21Kull min ħass f'qalbu u tħajjar f'ruħu, ġieb offerta lill-Mulej biex issir it-tinda tal-laqgħa u l-ħwejjeġ għas-servizz u l-ilbies sagru.

22U ġew, irġiel u nisa, dawk kollha li tħajru jagħtu minn qalbhom u ġiebu labar u msielet u ċrieket u brazzuletti, u kull xorta ta' oġġetti tad-deheb; u kulħadd għamel offerta tad-deheb lill-Mulej.

23Kull min imbagħad kellu vjola, jew porpra jew skarlatt, għażel fin, xagħar tal-mogħoż jew ġlud tal-muntun miżbugħin ħomor u ġlud tad-denfil, ġiebhom.

24Kull min seta' joffri fidda jew bronż, ġiebhom bħala offerta quddiem il-Mulej; hekk ukoll kull min kellu injam tal-gażżi tajjeb għax-xogħol, ġiebu wkoll.

25U n-nisa li kellhom il-ħila għażlu b'idejhom u ġiebu ħjut tal-għażel; vjola, porpra u skarlatt, u għażel fin;

26u n-nisa kollha li moħħhom kien jagħtihom għażlu x-xagħar tal-mogħoż.

27U l-kbarat ġiebu ħaġar tal-oniċi u ħaġar għat-tqegħid fl-efod u l-pettoral;

28ħwawar u żejt għad-dawl u għaż-żejt tal-konsagrazzjoni u l-inċens ifuħ.

29L-irġiel u n-nisa kollha ta' Iżrael, li tħajru jagħtu minn qalbhom għax-xogħol kollu li Alla kkmanda lil Mosè jagħmel, ġiebu l-offerta minn rajhom lill-Mulej.

### In-nies tas-sengħa

30U Mosè qal lill-poplu ta' Iżrael: "Araw il-Mulej sejjaħ b'isimhom 'il Besalel bin Uri, bin Ħur, mit-tribù ta' Ġuda,

31u mlieh bl-ispirtu ta' Alla u bil-ħila, id-dehen, l-għerf, u s-sengħa

32biex ifassal u jaħdem fid-deheb u fil-fidda u fil-bronż;

33jonqox il-ħaġar għat-tqegħid u jaħdem l-injam u jagħmel kull xogħol ieħor tas-sengħa.

34Tah id-dehen, lilu u lil Oħolijab bin Aħisamak mit-tribù ta' Dan, biex jgħallmu.


© 2020 Malta Bible Society.

35Imliehom bil-ħila li jagħmlu kull xogħol ta' nqix, u nsiġ u rakkmu bil-ħjut fil-
vjola, porpra u skarlatt, u għażel fin, u nsiġ imżewwaq; nies ta' ħila, kapaċi għal
kull xorta ta' xogħol u kull xorta ta' tifsil."

## Eżodu 36

1Besalel u Oħolijab u kull bniedem tas-sengħa li l-Mulej tah għerf u dehen, biex
jagħrfu jaħdmu kull xogħol meħtieġ għas-servizz tas-santwarju, ħadmu skont
kulma kien ordna l-Mulej.

2Mosè sejjaħ lil Besalel u 'l Oħolijab u kull bniedem tas-sengħa li l-Mulej tah l-
għerf u 'l dawk kollha li għamlu l-qalb li joffru ruħhom għax-xogħol.

3U ħadu mingħand Mosè l-offerti kollha li l-poplu ta' Iżrael kien ġieb minn rajh
għas-servizz tas-santwarju li kellu jsir. Imma l-poplu baqa' jġiblu offerti għodwa
wara l-oħra.

4U ġew in-nies tas-sengħa, li kienu jaħdmu x-xogħol tas-santwarju, kull wieħed
minn fuq ix-xogħol li kien qiegħed jagħmel,

5u qalu lil Mosè: "In-nies qegħdin iġibu iżjed milli jeħtieġ għax-xogħol li ordnalna
nagħmlu l-Mulej."

6Imbagħad Mosè ordna li jxerrdu l-kelma fil-kamp li tgħid: "Ebda raġel jew mara
m'għandhom jagħmlu xejn iżjed biex joffru għas-santwarju" u l-poplu ma
tħalliex iġib iżjed

7għax kien hemm biżżejjed, anzi ż-żejjed, għax-xogħol li kellu jsir.

### Id-drapp għat-tabernaklu

8Imbagħad in-nies tas-sengħa fost il-ħaddiema għamlu t-tabernaklu b'għaxar
purtieri tal-għażel minsuġ fin, vjola, porpra u skarlatt, bil-kerubini minsuġin
fihom bis-sengħa.

9Kull purtiera kienet tmienja u għoxrin driegħ twila u erbat idriegħ wiesgħa,
kollha daqs wieħed.

10U ħames purtieri minnhom għaqqadhom flimkien waħda mal-oħra; u hekk
ukoll il-ħamsa l-oħra għaqqadhom waħda mal-oħra.

11U għamel qfieli vjola fil-keffa tal-purtiera ta' barra ta' sett minnhom, u hekk
ukoll għamel fil-keffa tal-purtiera ta' barra tat-tieni sett.

12Għamel ukoll ħamsin qafla f'purtiera waħda, u ħamsin qafla fil-keffa tal-
purtiera tat-tieni sett; il-qfieli kienu jaqblu waħda mal-oħra.

13Għamel ukoll ħamsin ħolqa tad-deheb, u għaqqad il-purtieri flimkien waħda
mal-oħra bil-ħoloq, u hekk it-tabernaklu sar ħaġa waħda.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

14Għamel ukoll purtieri tax-xagħar tal-mogħoż għat-tinda tat-tabernaklu; ħdax-il purtiera għamel minnhom.

15Kull purtiera kienet ta' tletin driegħ tul u l-wisa' tagħha erbat idriegħ; il-ħdax-il purtiera kienu daqs wieħed.

16Ħames purtieri minnhom għaqqadhom flimkien, u hekk ukoll is-sitta l-oħra.

17Imbagħad għamel ħamsin qafla fil-keffa tal-purtiera ta' barra f'sett, u ħamsin qafla oħra fil-keffa tal-purtiera ta' barra tas-sett l-ieħor.

18Għamel ukoll ħamsin ħolqa tal-bronż biex jgħaqqad it-tinda u ssir ħaġa waħda.

19Għamel ukoll għata mill-ġlud tal-muntun miżbugħin ħomor u għata tad-denfil għal fuq kollox.

### It-tavlar tat-tabernaklu

20U għamel twavel wieqfa tal-gażżi għat-tabernaklu.

21Kull waħda kienet għaxart idriegħ twila, u driegħ u nofs wiesgħa.

22Kien hemm żewġ minċotti f'kull tavla, biex jgħaqqadhom ma' xulxin; u għamel l-istess bit-twavel kollha tat-tabernaklu.

23U qassam it-twavel tat-tabernaklu b'dan il-mod: għoxrin tavla n-naħa t'isfel, iħarsu lejn in-Nofsinhar;

24u għamel erbgħin maqgħad tal-fidda taħt l-għoxrin tavla; tnejn taħt waħda għaż-żewġ minċotti tagħha, u żewġ imqagħad għal taħt l-oħra għaż-żewġ minċotti tagħha.

25U fuq it-tieni naħa li tħares lejn it-Tramuntana, għoxrin tavla oħra,

26bl-erbgħin maqgħad tagħhom tal-fidda, tnejn taħt waħda u tnejn taħt oħra.

27Fuq in-naħa ta' wara li tħares lejn il-Punent għamel sitt twavel.

28U għamel żewġ twavel ukoll għall-kantunieri tan-naħa ta' wara;

29minn isfel kienu magħqudin ma' xulxin, u mir-ras kienu jidħlu f'ħolqa waħda; u għamel l-istess għat-tnejn: dawn kienu jservu għaż-żewġ kantunieri.

30U kien hemm tmien twavel bil-maqgħad tagħhom tal-fidda, sittax-il maqgħad b'kollox, żewġ imqagħad taħt tavla, u żewġ imqagħad taħt oħra.

31U għamel traversi tal-gażżi; ħamsa għat-twavel ta' naħa,

32u ħamsa għan-naħa l-oħra tat-tabernaklu; ħamsa oħra għan-naħa ta' wara tat-tabernaklu, li tħares lejn il-Punent.

33U t-traversa tan-nofs, f'nofs l-għoli tat-twavel, tgħaddi minn tarf għall-ieħor.


© 2020 Malta Bible Society.

34U kesa t-twavel bid-deheb; u għamel ħoloq tad-deheb, biex iżommu t-traversi, u kesa t-traversi bid-deheb.

### Il-velu

35Għamel ukoll il-velu tal-għażel minsuġ fin, fil-vjola, porpra u skarlatt, b'kerubini minsuġin fih, xogħol tas-sengħa.

36U għamillu erba' kolonni tal-gażżi bil-ganċijiet tagħhom tad-deheb, u erba' mqagħad tal-fidda mdewba.

37Għamel ukoll purtiera fid-dħul tat-tabernaklu tal-għażel minsuġ fin, vjola, porpra u skarlatt, xogħol in-nissieġ.

38U kesa bid-deheb il-ħames kolonni tagħhom, il-ganċijiet tagħhom, l-irjus, u l-ħoloq tagħhom. U għamel l-imqagħad tagħhom tal-bronż.

## Eżodu 37

### L-arka tal-patt

1Besalel għamel l-arka tal-injam tal-gażżi, żewġt idriegħ u nofs it-tul, u driegħ u nofs il-wisa', u driegħ u nofs l-għoli tagħha.

2U ksieha b'deheb fin minn ġewwa u minn barra, u għamlilha dawra tad-deheb.

3U dewweb id-deheb u għamlilha erba' ħolqiet għall-erba' saqajn tagħha, u żewġ ħolqiet għal naħa, u żewġ ħolqiet għal naħa oħra.

4U għamel lasti tal-gażżi u ksiehom bid-deheb.

5U daħħal il-lasti fil-ħolqiet fil-ġnub tal-arka biex iġorruha bihom.

6U għamel għatu tad-deheb fin, żewġt idriegħ u nofs twil, u driegħ u nofs wiesa'.

7Għamel ukoll żewġ kerubini tad-deheb, tad-deheb mastizz għamilhom, wieħed kull naħa fiż-żewġt itruf tal-għatu.

8Il-kerubini għamilhom wieħed fuq din in-naħa, u l-ieħor in-naħa l-oħra; biċċa waħda mal-għatu għamel il-kerubini fuq iż-żewġ naħat.

9Il-kerubini kienu bi ġwenħajhom miftuħa 'l fuq u jgħattu bi ġwenħajhom l-għatu, u jħarsu lejn xulxin, wiċċhom lejn l-għatu.

### Il-mejda tal-ħobż

10Għamel ukoll il-mejda tal-injam tal-gażżi, żewġt idriegħ twila, u driegħ wiesgħa, u driegħ u nofs għolja.

11U induraha bid-deheb fin, u għamlilha tilar għoli erbat iswaba' madwarha.

12U għamel wkoll tilar dawra tond għoli erbat iswaba', u bastun tad-deheb madwar it-tilar.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

13U għamel erba' ħolqiet tad-deheb imdewweb u qegħedhom fl-erba' kantunieri fuq is-saqajn.

14Il-ħoloq kienu ħdejn it-tilar, fejn jidħlu l-lasti, biex jerfgħuha.

15Għamel il-lasti tal-injam tal-gażżi, u ksiehom bid-deheb, biex jerfgħu l-mejda.

16Għamel imbagħad it-tagħmir għal fuq il-mejda: platti, imgħaref, kwies, u bwieqi għat-tiswib tal-libazzjonijiet, kollox tad-deheb fin.

### L-imnara

17Għamel ukoll l-imnara bid-deheb mastizz fin; is-sieq u l-bastun tagħha, bil-ġewż u ż-żibeġ u ż-żahar, ħerġin minnha.

18Sitt friegħi ħierġa mill-ġnub tal-imnara: tliet friegħi minn naħa, u tliet friegħi min-naħa l-oħra;

19tliet ġewżiet f'forma taż-żahar tal-lewż, biż-żibġa u l-weraq fuq l-ewwel fergħa; tliet ġewżiet f'forma taż-żahar tal-lewż, biż-żibġa u l-weraq, fuq il-fergħa l-oħra; u hekk l-istess is-sitt friegħi ħerġin mill-imnara.

20U fuq l-imnara għamel erba' ġewżiet f'forma taż-żahar tal-lewż, biż-żibeġ u l-weraq.

21Kien hemm żibġa taħt żewġ friegħi tagħha, żibġa taħt iż-żewġ friegħi l-oħra tagħha, u żibġa taħt l-aħħar żewġ friegħi tagħha, taħt is-sitt friegħi ħerġin minnha.

22Il-ġewżiet u l-friegħi biċċa waħda magħha; kollox biċċa waħda tad-deheb mastizz fin.

23U għamel is-seba' msiebaħ tagħha, bl-imqassijiet u l-bwieqi tagħhom; kollox tad-deheb fin.

24Kollox b'talent tad-deheb fin biex għamel lilha u t-tagħmir tagħha.

### L-artal tal-inċens

25U għamel l-artal tal-inċens mill-injam tal-gażżi, kien kwadru: driegħ tul, u driegħ wisa', u żewġt idriegħ għoli, bil-qrun ħerġin minnu,

26u ksieh bid-deheb fin: il-wiċċ, il-ġnub dawramejt, u l-qrun; u għamillu kuruna tad-deheb madwaru.

27U għamillu żewġ ħolqiet tad-deheb; u qegħedhom taħt il-kuruna fuq iż-żewġ naħat, biex jidħlu fihom il-lasti biex iġorruh bihom.

28Dawn il-lasti għamilhom mill-injam tal-gażżi, u ksiehom bid-deheb.

### Iż-żejt tal-konsagrazzjoni

29U għamel iż-żejt tal-konsagrazzjoni u l-fwieħa bil-ħwawar, xogħol il-fewwieħ.


© 2020 Malta Bible Society.

# Eżodu 38

### L-artal tas-sagrifiċċju

1U għamel l-artal tas-sagrifiċċju tal-ħruq mill-injam tal-gażżi. Kien kwadru ħamest idriegħ tul u ħamsa wisa', u tlitt idriegħ għoli.

2U għamillu qarn f'kull kantuniera biċċa waħda miegħu, u ksieh bil-bronż.

3U għamel it-tagħmir kollu tal-artal: il-ħwat għall-irmied, imqassijiet, u twaġen, kollox għamel tal-bronż.

4Għamillu wkoll gradilja maħduma bħal xibka tal-bronż, taħt il-ħanek tal-artal, 'l isfel sa nofs l-għoli.

5Imbagħad dewweb erba' ħolqiet m'ogħla l-erbat itruf tal-gradilja, biex jidħlu fihom il-lasti, u ksiehom bil-bronż.

6U għamel il-lasti tal-injam tal-gażżi, u ksiehom bil-bronż.

7U daħħal il-lasti fil-ħoloq fil-ġenb tal-artal biex iġorruh bihom. Għamlu tat-twavel u vojt minn ġewwa.

### Il-ħawt tal-bronż

8U għamel ukoll il-ħawt tal-bronż bil-maqgħad tal-bronż mill-mirja li offrew in-nisa li kienu jservu fid-dħul tat-tinda tal-laqgħa.

### Il-bitħa

9Imbagħad għamel il-bitħa: fuq in-naħa ta' Nofsinhar, 'l isfel, kellha purtiera ta' għażel minsuġ fin, tul mitt driegħ;

10għoxrin pilastru bl-għoxrin maqgħad tagħhom tal-bronż; imma l-ganċijiet tal-pilastri bil-faxex tagħhom kienu tal-fidda.

11U n-naħa tat-Tramuntana mitt driegħ tul, b'għoxrin pilastru, għoxrin maqgħad tal-bronż, bil-ganċijiet u l-faxex tal-pilastri tal-fidda.

12U n-naħa tal-Punent kien hemm ħamsin driegħ ta' purtieri; għaxar pilastri u għaxar imqagħad tagħhom, u għaxar ganċijiet għall-pilastri u l-faxex tagħhom tal-fidda.

13Fuq quddiem, in-naħa tal-Lvant, kien hemm ħamsin driegħ;

14ħmistax-il driegħ purtieri fuq ġenb bit-tliet pilastri u t-tliet imqagħad tagħhom.

15U fuq il-ġenb l-ieħor, minn naħa u minn oħra tal-bieb tal-bitħa, ħmistax-il driegħ bit-tliet pilastri u t-tliet imqagħad tagħhom.

16Il-purtieri kollha ta' madwar il-bitħa kienu tal-għażel minsuġ fin;

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

17l-imqagħad tal-bronż, il-ganċijiet tal-pilastri u l-faxex tagħhom tal-fidda; il-kisja ta' rjushom kienet tal-fidda, u l-pilastri kollha miksija bil-fidda.

18Il-purtiera tal-bitħa kienet tad-drapp minsuġ fin u mżewwaq; vjola, porpra u skarlatt, u għażel mibrum fin; twila għoxrin driegħ u ħamsa għolja, daqs il-wisa' tal-purtieri tal-bitħa,

19bl-erba' kolonni u l-erba' mqagħad tagħhom tal-bronż; bil-ganċijiet tal-fidda; u l-kisja ta' rjushom u l-faxex tagħhom tal-fidda.

20L-imsiemer tat-tinda u tal-bitħa dawramejt kienu tal-fidda.

### In-nefqa għat-tabernaklu

21Dan hu l-kont tat-tabernaklu, it-tinda tax-xhieda, kif kien magħmul bl-ordni ta' Mosè, permezz tal-Leviti taħt Itamar bin Aron il-qassis.

22Besalel bin Uri, bin Ħur, mit-tribù ta' Ġuda, għamel kulma kien ordna l-Mulej permezz ta' Mosè,

23flimkien ma' Oħolijab bin Aħisamak, mit-tribù ta' Dan, bniedem tas-sengħa, disinjatur u nissieġ fil-vjola, fil-porpra, fl-iskarlatt u fl-għażel.

24Id-deheb kollu biex saret din l-opra, ix-xogħol kollu tas-santwarju, kollu ġej mill-offerti tan-nies, laħaq disgħa u għoxrin talent u seba' mija u tletin xekel, skont ix-xekel tas-santwarju.

25U l-fidda, miġbura mill-magħdudin tal-ġemgħa, laħqet mitt talent u elf u seba' mija u ħamsa u sebgħin xekel skont ix-xekel tas-santwarju:

26beka kull ras, jiġifieri nofs xekel tas-santwarju, minn kull min kien magħdud minn għoxrin sena 'l fuq, għal sitt mija u tlitt elef u ħames mija u ħamsin raġel.

27Il-mitt talent tal-fidda servew għat-tidwib tal-imqagħad tat-tabernaklu, u tal-imqagħad tal-purtiera: mitt talent għal mitt maqgħad, talent għal kull maqgħad.

28Elf u seba' mija u ħamsa u sebgħin xekel servewh biex jagħmel il-ganċijiet tal-pilastri u jiksi l-irjus tagħhom u jdawwarhom bil-faxex.

29Il-bronż li offrew laħaq sebgħin talent u elfejn u erba' mitt xekel;

30bih għamel l-imqagħad tad-dħul tat-tabernaklu tal-laqgħa, l-artal tal-bronż bil-gradilja tal-bronż; u t-tagħmir tal-artal;

31l-imqagħad ta' madwar il-bitħa u l-imqagħad tal-bieb tal-bitħa, u l-imsiemer tat-tabernaklu, u l-imsiemer ta' madwar il-bitħa.

## Eżodu 39

### L-ilbies tal-qassisin


© 2020 Malta Bible Society.

[1]Bil-vjola, imbagħad, bil-porpra u bl-iskarlatt, ħadem l-ilbies tas-servizz biex iservu fis-santwarju; għamlu lbies sagru għal Aron kif kien ordna l-Mulej lil Mosè.

[2]Għamel l-efod mid-deheb, vjola, porpra u skarlatt, u għażel mibrum.

[3]Għamel id-deheb f'folji rqaq u qatagħhom fi ħjut, biex jaħdmuhom mal-vjola, il-porpra u l-iskarlatt, u l-għażel mibrum fin: xogħol ta' wieħed tas-sengħa.

[4]Għalih għamlu wkoll bċejjeċ jinqaflu għall-ispallejn. Kienu jinqaflu wkoll fiż-żewġt itruf tiegħu.

[5]U għamlu l-faxxa li kienet tgħaddi minn fuqu biex iżżommu f'postu, tal-istess xogħol tad-deheb u l-vjola, porpra u skarlatt, u għażel minsuġ fin, bħalma l-Mulej kien ordna lil Mosè.

[6]Ħadmu l-ħaġar tal-oniċi, għalquhom fi dwawar tad-deheb, u naqqxuhom bħalma jnaqqxu ċ-ċrieket, għall-ismijiet ta' wlied Iżrael.

[7]Qegħduhom fuq iż-żewġ bċejjeċ tal-efod, ġawhar għat-tifkira ta' wlied Iżrael, bħalma l-Mulej kien ordna lil Mosè.

### Il-pettoral

[8]U għamel il-pettoral, bħax-xogħol tal-efod, xogħol tad-deheb, vjola, porpra u skarlatt, u għażel fin.

[9]Kien kwadru, mitwi fi tnejn, twil xiber u ieħor wiesa'.

[10]Waħħlu fih erba' indani ħaġar prezzjuż: fl-ewwel indana qiegħdu: sardju, topazju u żmerald.

[11]Fit-tieni indana: rubin, żaffir u djamant.

[12]Fit-tielet indana: ġjaċint, agta u ametist;

[13]fir-raba' indana: krisoltu, oniċi u djaspru; u għalquhom fi dwawar tad-deheb.

[14]U kien hemm tnax-il ħaġra skont l-għadd tat-tribujiet ta' Iżrael; u kienu bħaċ-ċrieket, kull waħda b'isem tribù ta' Iżrael imnaqqax fih.

[15]U għamel għall-pettoral lazzijiet tad-deheb fin mibrum bħal ħbula;

[16]u għamillu wkoll żewġ dwawar tad-deheb u żewġ ħolqiet tad-deheb; u qiegħdu ż-żewġ ħolqiet fiż-żewġt itruf tal-pettoral;

[17]u daħħlu ż-żewġ lazzijiet tad-deheb fiż-żewġ ħolqiet fit-truf tal-pettoral.

[18]Iż-żewġt itruf taż-żewġ lazzijiet rabtuhom maż-żewġ dwawar u qegħduhom fuq il-biċċa tal-efod minn quddiem.

[19]Għamlu żewġ ħolqiet oħra tad-deheb u qegħduhom fiż-żewġt itruf tal-pettoral fuq in-naħa ta' ġewwa li tmiss mal-efod.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

[20]U għamlu żewġ ħolqiet oħra tad-deheb, u waħħluhom minn quddiem fit-tarf t'isfel ta' waħda mill-bċejjeċ tal-efod fir-rabta tiegħu 'l fuq mill-faxxa tal-efod.

[21]U rabtu mill-ħoloq tiegħu mal-ħoloq tal-efod b'kurdiċella b'mod li jiġi fuq il-faxxa tal-efod, u li l-pettoral ma jinħallx minn fuq l-efod, bħalma kien ordna l-Mulej.

### Il-libsa tal-efod

[22]Għamlu wkoll il-libsa tal-efod, xogħol in-nissieġ, kollha vjola,

[23]bl-iskullatura tal-libsa f'nofsha, bħal skullatura ta' qmis, bi tberfila madwarha biex ma tiċċarratx.

[24]U dendlu fil-keffa tal-libsa bħal rummien vjola, porpra u skarlatt bi ħjut tal-għażel mibrum fin.

[25]Għamlu wkoll ġlieġel tad-deheb fin, u dendluhom bejn ir-rummien fil-keffa tal-libsa dawramejt, f'nofs ir-rummien:

[26]ġolġol u rummiena, ġolġol u rummiena fil-keffa tal-libsa madwarha kollu għas-servizz, bħalma kien ordna l-Mulej lil Mosè.

[27]Għamlu l-ilbiesi tal-għażel, xogħol in-nissieġ, għal Aron u wliedu:

[28]it-turbant tal-għażel, u l-ornament tat-turbant, u l-qliezet tal-għażel mibrum fin,

[29]u t-terħa tal-għażel mibrum, vjola, porpra u skarlatt, xogħol tar-rakkmu, kif kien ordna l-Mulej lil Mosè.

[30]Għamlu wkoll l-istrixxa rqiqa tad-deheb fin għall-kuruna mqaddsa, u naqqxu u kitbu fuqha: 'Qaddis lill-Mulej', bħal inċiżjoni fuq ċurkett.

[31]U rabtu magħha kurdiċella vjola biex titwaħħal mat-turbant, kif ordna l-Mulej lil Mosè.

[32]Hekk intemmet l-opra sħiħa tat-tabernaklu, tat-tinda tal-laqgħa; u wlied Iżrael għamlu kollox kif kien ordna l-Mulej lil Mosè.

[33]U ġiebu għand Mosè, it-tabernaklu, it-tinda, u t-tagħmir kollu tagħhom: il-ganċijiet, it-twavel, it-traversi, il-pilastri u l-imqagħad tiegħu;

[34]l-għata tal-ġild tal-muntun miżbugħ aħmar; l-għata ta' ġild id-denfil, il-purtiera ta' barra;

[35]l-arka tax-xhieda u l-lasti tagħha u l-għatu;

[36]il-mejda u l-partijiet tagħha kollha u l-ħobż tal-preżenza;

[37]l-imnara tad-deheb fin bl-imsiebaħ u t-tagħmir tagħhom u l-partijiet kollha tagħha u ż-żejt għall-mixegħla;


© 2020 Malta Bible Society.

38l-artal tad-deheb; iż-żejt tal-konsagrazzjoni, l-inċens ifuħ; il-purtiera tal-bieb
tat-tinda;

39l-artal tal-bronż u l-gradilja tiegħu tal-bronż; il-lasti u t-tagħmir tiegħu kollu,
il-ħawt u l-maqgħad tiegħu;

40id-drapp tal-bitħa, il-pilastri tagħha, l-imqagħad tagħha, il-purtiera tal-bieb
tal-bitħa, il-ħbula u l-imsiemer tagħha, bit-tagħmir kollu meħtieġ għat-
tabernaklu, għat-tinda tal-laqgħa;

41l-ilbies għas-servizz fis-santwarju, l-ilbies ikkonsagrat għal Aron il-qassis, u l-
ilbies għal uliedu biex iservu ta' qassisin.

42Kollox kif kien ordna l-Mulej lil Mosè, u hekk ulied Iżrael temmew ix-xogħol
kollu.

43Mosè ra x-xogħol kollu u ra li għamluh kollu kif kien ordna l-Mulej, u Mosè
berikhom.

## Eżodu 40

### Mosè jwaqqaf it-tabernaklu

1Il-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

2"Fl-ewwel jum tal-ewwel xahar inti twaqqaf it-tabernaklu tat-tinda tal-laqgħa,

3u tpoġġi hemm fih l-arka tax-xhieda miktuba u tgħatti l-arka bil-velu,

4u ġġib il-mejda u t-tagħmir kollu tagħha; u ġġib l-imnara u tqegħdilha l-
imsiebaħ fuqha.

5U ġġib l-artal tad-deheb għall-inċens ifuħ għal quddiem l-arka tax-xhieda
miktuba, u tqiegħed ukoll it-tinda fi dħul it-tabernaklu.

6Inti tqiegħed l-artal tas-sagrifiċċju tal-ħruq quddiem id-dħul tat-tabernaklu tal-
laqgħa.

7Tqiegħed il-ħawt bejn it-tinda tal-laqgħa u l-artal, u timlieh bl-ilma.

8U tagħmel il-bitħa madwarha u ddendel il-purtiera ta' bieb il-bitħa.

9Imbagħad ħu ż-żejt tal-konsagrazzjoni u idlek it-tabernaklu u kulma fih;
tikkonsagrah bit-tagħmir kollu, u jsir sagru.

10Tidlek ukoll l-artal tas-sagrifiċċju tal-ħruq, bit-tagħmir kollu tiegħu.
Tikkonsagra l-artal u jkun mill-aktar sagru.

11Tidlek il-ħawt bil-maqgħad tiegħu, u tikkonsagrah.

12"Imbagħad tressaq lil Aron u lil uliedu fil-bieb tat-tinda tal-laqgħa, u taħsilhom
bl-ilma.


© 2020 Malta Bible Society.

13Tlibbes lil Aron bl-ilbies sagru, tidilku u tikkonsagrah, biex iservini ta' qassis.

14Tressaq ukoll lil uliedu u tlibbishom bit-tonok.

15Tidlikhom bħalma tkun dlikt lil missierhom, biex iservuni ta' qassisin; b'din l-unzjoni tagħhom ikunu qassisin għal dejjem, għall-ġenerazzjonijiet tagħhom kollha."

16Mosè għamel kollox kif kien ordnalu l-Mulej.

17Fl-ewwel xahar tat-tieni sena, fl-ewwel jum tax-xahar talla' t-tabernaklu.

18Mosè waqqaf it-tabernaklu; poġġa l-imqagħad tiegħu, qiegħed it-twavel, waħħal it-traversi u waqqaf il-pilastri.

19Firex it-tinda fuq it-tabernaklu, u qiegħed l-għata fuqu, kif kien ordna l-Mulej lil Mosè.

20Ħa x-xhieda miktuba u qegħedha fl-arka; daħħal il-lasti fl-arka u qiegħed l-għatu fuq l-arka minn fuq.

21Qiegħed l-arka fit-tinda; dendel il-purtiera tal-velu u għatta l-arka tax-xhieda miktuba, bħalma l-Mulej kien ordna lil Mosè.

22Imbagħad qiegħed il-mejda fit-tinda tal-laqgħa, fuq in-naħa tat-Tramuntana tat-tabernaklu, 'il barra mill-velu.

23Fuqha qiegħed tagħmira ħobż quddiem il-Mulej, bħalma kien ordna l-Mulej lil Mosè.

24Qiegħed ukoll l-imnara fit-tinda tal-laqgħa biswit il-mejda, in-naħa ta' Nofsinhar tat-tabernaklu.

25Qiegħed fuqha l-imsiebaħ quddiem il-Mulej, kif kien ordna l-Mulej lil Mosè.

26Qiegħed ukoll l-artal tad-deheb fit-tinda tal-laqgħa, 'il barra mill-velu.

27Fuqu ħaraq l-inċens ifuħ, kif il-Mulej kien ordna lil Mosè.

28Dendel il-purtiera fi dħul it-tabernaklu.

29Poġġa l-artal tas-sagrifiċċju tal-ħruq fi dħul it-tabernaklu tat-tinda tal-laqgħa u fuqu offra sagrifiċċji maħruqa u offerti, bħalma l-Mulej kien ordna lil Mosè.

30Poġġa l-ħawt bejn it-tinda tal-laqgħa u l-artal, u mlieh bl-ilma għall-ħasil.

31Inħaslu fih Mosè u Aron u wliedu, idejhom u riġlejhom.

32Kull meta kienu jidħlu fit-tinda tal-laqgħa jew jersqu lejn l-artal kienu jinħaslu, kif il-Mulej kien ordna lil Mosè.

33Waqqaf ukoll il-bitħa madwar it-tabernaklu u l-artal; u dendel il-purtiera fil-bieb tal-bitħa. Hekk Mosè temm ix-xogħol kollu.


© 2020 Malta Bible Society.

### Il-glorja tal-Mulej fuq it-tabernaklu

34Imbagħad is-sħaba ksiet it-tinda tal-laqgħa; u l-glorja tal-Mulej imliet it-tabernaklu.

35Mosè ma setax jidħol fit-tinda tal-laqgħa, għax fuqha kien hemm tistrieħ is-sħaba, u l-glorja tal-Mulej kienet timla t-tabernaklu.

36Kull meta s-sħaba kienet tintrefa' minn fuq it-tabernaklu, ulied Iżrael kienu jitilqu minn fejn ikunu.

37U jekk is-sħaba ma kinetx tintrefa', anqas huma ma kienu jitilqu, qabel ma tintrefa' hi.

38Binhar kien ikun hemm is-sħaba tal-Mulej tistrieħ fuq it-tabernaklu, imma billejl kien ikun hemm in-nar, li kienu jarawh ulied Iżrael fil-mixi kollu tagħhom.


© 2020 Malta Bible Society.

# Levitiku 1

### Is-sagrifiċċji tal-ħruq

1 U l-Mulej sejjaħ lil Mosè u kellmu mit-tinda tal-laqgħa u qallu:

2 "Kellem lil ulied Iżrael u għidilhom: 'Meta xi ħadd minnkom ikun irid jagħmel offerta lill-Mulej, jagħmilha mill-bhejjem, mill-baqar jew min-nagħaġ tagħkom.

3 Jekk tkun vittma mill-baqar għas-sagrifiċċju tal-ħruq, l-offerta għandha tkun ta' raġel u bla difett; u jġibha quddiem il-bieb tat-tinda tal-laqgħa, u hekk jogħġob lill-Mulej.

4 Imbagħad iqiegħed idu fuq ras il-vittma u tkun milqugħa għall-espjazzjoni tiegħu;

5 joqtol l-għoġol quddiem il-Mulej, u l-qassisin ulied Aron joffru d-demm, u jxerrduh madwar l-artal, li qiegħed biswit il-bieb tat-tinda tal-laqgħa.

6 Wara jqaxxar il-vittma u jqattagħha bċejjeċ,

7 u wlied Aron il-qassis iqabbdu n-nar fuq l-artal u jixħtu l-ħatab fuq in-nar.

8 Il-qassisin ulied Aron jirranġaw il-bċejjeċ, ir-ras u x-xaħam fuq il-ħatab u n-nar ta' fuq l-artal;

9 il-ġewwieni u s-saqajn jaħsilhom bl-ilma; u wieħed mill-qassisin jaħraq kollox b'sagrifiċċju tal-ħruq b'riħa tfuħ quddiem il-Mulej.

10 "Jekk l-offerta għas-sagrifiċċju tal-ħruq tkun mill-imrieħel - xi ħaruf jew mogħża - għandu joffri raġel u bla difett.

11 U joqtlu fuq in-naħa tat-Tramuntana tal-artal, quddiem il-Mulej; u l-qassisin, ulied Aron, ixerrdu d-demm madwar l-artal.

12 Imbagħad iqattgħu bċejjeċ, u l-qassis jirranġahom flimkien mar-ras u x-xaħam fuq il-ħatab u n-nar ta' fuq l-artal.

13 Imbagħad il-ġewwieni u s-saqajn jaħsilhom bl-ilma, u l-qassis joffri u jaħraq kollox fuq l-artal. Dan hu sagrifiċċju tal-ħruq b'riħa tfuħ quddiem il-Mulej.

14 "Jekk l-offerta għas-sagrifiċċju lill-Mulej tkun mit-tjur, joffri gamiem jew ħamiem.

15 Il-qassis imbagħad iressaqha fuq l-artal, jilwilha rasha biex jaħraqha fuq l-artal, u jagħsrilha demmha mal-ġnub tal-artal;

16 u mbagħad ineħħilha l-ħawsla b'ta' ġo fiha, u jitfa' kollox maġenb l-artal in-naħa tal-Lvant fejn ikun hemm l-irmied,

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[17]jiksrilha ġwejnħajha mingħajr ma jaqlagħhomlha, u l-qassis jaħraqha fuq il-ħatab u n-nar ta' fuq l-artal. Dan hu sagrifiċċju tal-ħruq b'riħa tfuħ quddiem il-Mulej."

# Levitiku 2

### Offerti tal-qmuħ

[1]"Meta xi ħadd irid jagħmel offerta tal-qmuħ lill-Mulej, għandu joffri s-smid; u jsawwab fuqha ż-żejt, u jixħet fuqha l-inċens.

[2]Iġibha għand il-qassisin ulied Aron, u l-qassis jieħu daqs qabda ta' id smid biż-żejt u l-inċens, u jaħraqha b'tifkira fuq l-artal, ħruq b'riħa tfuħ quddiem il-Mulej.

[3]Il-bqija tal-offerta tmur għal Aron u wliedu. Din hi l-biċċa l-aktar qaddisa minn dak li jkun inħaraq quddiem il-Mulej.

[4]"Jekk tkun trid toffri offerta maħbuża fuq il-kenur, din għandha tkun ta' ftajjar ażżmi tas-smid miblula fiż-żejt, jew ftajjar irqaq ażżmi midlukin biż-żejt.

[5]"Jekk l-offerta tiegħek tkun imsajra fit-taġen, għandha tkun bis-smid u miblula fiż-żejt u bla ħmira.

[6]Agħmilha ftiet, u sawwab fuqha ż-żejt; għax hi offerta tal-qmuħ.

[7]"Jekk l-offerta tiegħek tkun offerta msajra f'borma, agħmilha tas-smid biż-żejt.

[8]U ġib l-offerta li tkun lestejt lill-Mulej, u agħtiha lill-qassis, biex iressaqha fuq l-artal.

[9]Imbagħad il-qassis jerfa' biċċa minnha b'tifkira, u jaħraqha fuq l-artal, ħruq b'riħa tfuħ quddiem il-Mulej.

[10]Il-bqija tal-offerta tmur għal Aron u wliedu. Din hi l-biċċa l-aktar qaddisa minn dak li jkun inħaraq quddiem il-Mulej.

[11]"Kull offerta li tagħmlu lill-Mulej ma għandkomx tagħmluha bil-ħmira; għax ma għandekx taħraq ħmira jew għasel quddiem il-Mulej.

[12]Tistgħu toffruhom lill-Mulej bħala offerta tal-bikri, imma ma jkunux maħruqa b'riħa tfuħ.

[13]Kull offerta li toffri ixħtilha l-melħ u tħallix barra mill-offerta tiegħek il-melħ tal-patt ta' Alla tiegħek; ma' kull offerta tiegħek offri l-melħ.

[14]U kull meta tagħmel offerta tal-bikri lill-Mulej, offri sbul inkaljat bin-nar, qamħ ġdid misħuq b'offerta tal-bikri.

[15]Int issawwab iż-żejt fuqha, u tixħet fuqha l-inċens. Din hi offerta tal-qamħ.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

16Il-qassis imbagħad jaħraq b'tifkira biċċa mill-qamħ misħuq u miż-żejt bl-
inċens b'kollox; din hi offerta bin-nar lill-Mulej.

## Levitiku 3

### Sagrifiċċji tas-sliem

1"Jekk xi ħadd joffri sagrifiċċju tas-sliem, jekk l-offerta tkun mill-baqar, għandu
joffriha bla difett, raġel jew mara, quddiem il-Mulej.

2Iqiegħed idu fuq ras il-vittma, u joqtolha fil-bieb tat-tinda tal-laqgħa, u l-
qassisin, ulied Aron, ixerrdu d-demm madwar l-artal.

3Hu joffri mill-vittma tas-sliem biex jinħaraq quddiem il-Mulej ix-xaħam li jiksi
l-ġewwieni u x-xaħam kollu ta' fuq il-ġewwieni,

4iż-żewġ kilwiet, u x-xaħam ta' fuqhom ta' mal-ġenbejn, u t-tebqa tal-fwied, li
tinqala' minn ħdejn il-kliewi.

5U wlied Aron imbagħad jaħarquh fuq il-vittma ta' fuq il-ħatab, li jkun hemm fuq
in-nar; ħruq ta' riħa tfuħ lill-Mulej.

6"Jekk xi ħadd joffri sagrifiċċju tas-sliem mill-imrieħel lill-Mulej, l-offerta, raġel
jew mara, għandha tkun bla difett.

7Jekk l-offerta tkun ta' ħaruf, iġibu quddiem il-Mulej,

8iqiegħed idu fuq ras il-vittma u joqtlu fil-bieb tat-tinda tal-laqgħa, u wlied Aron
ixerrdu d-demm madwar l-artal.

9Mill-vittma tas-sliem jagħti għall-ħruq lill-Mulej: xaħamha, id-denb sħiħ, li
jaqtgħu minn ħdejn is-sinsla, u x-xaħam li jiksi l-ġewwieni u x-xaħam kollu ta'
fuq il-ġewwieni,

10u ż-żewġ kilwiet u x-xaħam ta' fuqhom ta' mal-ġenbejn, it-tebqa tal-fwied, li
tinqala' minn ħdejn il-kliewi.

11Imbagħad il-qassis jaħraq kollox fuq l-artal bħala ikel maħruq lill-Mulej.

12"Jekk xi ħadd joffri mogħża, iġibha quddiem il-Mulej;

13iqiegħed idu fuq rasha, u joqtolha fil-bieb tat-tinda tal-laqgħa, u wlied Aron
ixerrdu d-demm tagħha madwar l-artal.

14U joffri minnha bħala offerta tiegħu għall-ħruq quddiem il-Mulej ix-xaħam li
jiksi l-ġewwieni, u x-xaħam kollu ta' fuq il-ġewwieni

15u ż-żewġ kilwiet u x-xaħam ta' mal-ġenbejn, u t-tebqa tal-fwied li tinqata' minn
ħdejn il-kliewi.


© 2020 Malta Bible Society.

16Imbagħad il-qassis jaħraqhom fuq l-artal, ikel maħruq ta' riħa tfuħ. Ix-xaħam
kollu jmiss lill-Mulej.

17"Din hi liġi għal dejjem minn ġenerazzjoni għal oħra, tkun fejn tkun tgħammar.
La tiekol ebda xaħam u ebda demm."

# Levitiku 4

### Sagrifiċċji tal-purifikazzjoni

1Il-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

2"Kellem lil ulied Iżrael u għidilhom: Meta xi ħadd bla ma jrid jikser xi waħda
mil-liġijiet kollha tal-Mulej u jagħmel xi ħaġa li ma għandux jagħmel,

3jekk il-midneb ikun il-qassis il-midluk u jkun ġieb il-ħtija fuq il-poplu, joffri lill-
Mulej għall-ħtija li jkun għamel għoġol bla difett.

4"Iġib l-għoġol fil-bieb tat-tinda tal-laqgħa quddiem il-Mulej, u jmidd idu fuq ras
l-għoġol u joqtol l-għoġol quddiem il-Mulej.

5U l-qassis il-midluk jieħu mid-demm tal-għoġol u jieħdu fit-tinda tal-laqgħa.

6Imbagħad il-qassis ibill sebgħu fid-demm u jroxx id-demm seba' darbiet
quddiem il-Mulej lejn il-velu tas-santwarju.

7U l-qassis iqiegħed ftit demm fuq qrun l-artal tal-inċens ifuħ, li qiegħed
quddiem il-Mulej, fit-tinda tal-laqgħa, u l-bqija tad-demm tal-għoġol ixerrdu taħt
l-artal tas-sagrifiċċju li hemm quddiem il-bieb tat-tinda tal-laqgħa.

8U x-xaħam kollu tal-għoġol tal-ħtija ineħħih minnu; ix-xaħam li jiksi l-ġewwieni
u x-xaħam kollu ta' fuq il-ġewwieni,

9u ż-żewġ kilwiet u x-xaħam ta' fuqhom ta' mal-ġenbejn u t-tebqa tal-fwied, li
jaqlagħha minn mal-kliewi,

10bħalma jneħħuhom mill-għoġol tas-sagrifiċċju tas-sliem; u l-qassis imbagħad
jaħraqhom fuq l-artal tas-sagrifiċċju tal-ħruq.

11U l-ġild tal-għoġol, u laħmu kollu, b'rasu u saqajh, bil-ġewwieni u l-ħmieġ,

12l-għoġol kollu jeħduh barra l-kamp, f'post nadif fejn jarmu l-irmied, u
jaħarquhom fuq il-ħatab bin-nar. Jaħarqu kollox fejn jintrema l-irmied.

13"Jekk il-ġemgħa kollha ta' Iżrael tidneb bla ma tintebaħ billi tkun għamlet xi
ħaġa minn dak li l-Mulej ordna li ma għandux isir, u dan jibqa' moħbi għal
għajnejn il-ġemgħa, xorta ssir ħatja;

14u malli jsiru jafu bil-ħtija li jkunu waqgħu fiha, il-ġemgħa kollha għandha toffri
għoġol għas-sagrifiċċju tal-purifikazzjoni, u jġibuh quddiem il-bieb tat-tinda tal-
laqgħa.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

15“Ix-xjuħ tal-ġemgħa jmiddu idejhom fuq ras l-għoġol quddiem il-Mulej, u wieħed minnhom joqtol l-għoġol quddiem il-Mulej.

16U l-qassis il-midluk jieħu mid-demm tal-għoġol fit-tinda tal-laqgħa.

17Imbagħad il-qassis ibill sebgħu fid-demm, u jroxxu seba’ darbiet quddiem il-Mulej lejn il-velu.

18Iqiegħed ukoll ftit demm fuq qrun l-artal li hemm quddiem il-Mulej fit-tinda tal-laqgħa, u l-bqija tad-demm ixerrdu f’riġlejn l-artal tas-sagrifiċċju li jinsab quddiem il-bieb tat-tinda tal-laqgħa.

19Imbagħad jieħu x-xaħam tiegħu kollu u jaħarqu fuq l-artal;

20u jagħmel mill-għoġol, bħalma jagħmel mill-għoġol tal-purifikazzjoni; hekk jagħmel minnu; hekk il-qassis jagħmel l-espjazzjoni għalihom u jaqilgħu l-maħfra.

21U jieħu l-għoġol ’il barra mill-kamp u jaħarquh bħalma jaħarqu l-għoġol l-ieħor. Dan hu s-sagrifiċċju tal-purifikazzjoni tal-ġemgħa.

22“Jekk xi wieħed mill-kapijiet jidneb u jagħmel bla ma jrid xi ħaġa li l-Mulej, Alla tiegħu, ordna li ma għandhiex issir, u hekk jaqa’ fid-dnub,

23malli jintebaħ bid-dnub li jkun għamel, jagħmel offerta ta’ bodbod bla difett.

24Imidd idu fuq ras il-bodbod u joqtlu fejn joqtlu l-vittmi quddiem il-Mulej. Dan hu sagrifiċċju tal-purifikazzjoni.

25Il-qassis imbagħad jieħu ftit mid-demm tal-vittma b’sebgħu u jqiegħdu fuq il-qrun tal-artal tas-sagrifiċċju, u l-bqija tad-demm ixerrdu f’riġlejn l-artal tas-sagrifiċċju.

26U x-xaħam kollu tiegħu jaħarqu fuq l-artal bħax-xaħam tal-vittma tas-sliem. U l-qassis jagħmel l-espjazzjoni għad-dnub ta’ dak li jkun, u jaqlagħlu l-maħfra.

27“Jekk xi ħadd mill-poplu jidneb bla ma jintebaħ u jagħmel xi ħaġa minn dak li l-Mulej ordna li ma għandhiex issir, u jaqa’ fid-dnub,

28malli jintebaħ bid-dnub li jkun għamel iġib offerta ta’ mogħża, bla nuqqas, bi tpattija għad-dnub li jkun għamel.

29Imbagħad imidd idu fuq ras il-vittma għall-espjazzjoni u joqtolha fil-post tas-sagrifiċċju.

30Il-qassis jieħu ftit mid-demm b’sebgħu, u jqiegħdu fuq il-qrun tal-artal tas-sagrifiċċju, u jxerred id-demm f’riġlejn l-artal.

31U x-xaħam kollu jaqilgħu bħalma jaqla’ x-xaħam mill-vittma tas-sliem, u l-qassis jaħarqu fuq l-artal b’riħa tfuħ lill-Mulej, u hekk il-qassis jagħmel l-espjazzjoni għad-dnub ta’ dak li jkun, u jaqlagħlu l-maħfra.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[32]"Jekk iġib ħaruf b'offerta biex ipatti għall-ħtija, iġibu mara bla difett;

[33]u jmidd idu fuq ras il-vittma għall-espjazzjoni, u joqtolha b'sagrifiċċju tal-
purifikazzjoni fejn joqtlu l-vittmi għas-sagrifiċċju.

[34]U l-qassis jieħu ftit mid-demm b'sebgħu, u jqiegħdu fuq il-qrun tal-artal tas-
sagrifiċċju, u l-bqija tad-demm ixerrdu f'riġlejn l-artal.

[35]U x-xaħam kollu jaqilgħu bħalma jaqla' x-xaħam mill-vittma tas-sliem, u l-
qassis jaħarqu fuq il-vittmi maħruqa lill-Mulej fuq l-artal; u hekk il-qassis
jagħmel l-espjazzjoni għad-dnub ta' dak li jkun għamlu, u jaqlagħlu l-maħfra.

## Levitiku 5

### Sagrifiċċji oħra

[1]"Wieħed li jkun imġiegħel jaħlef bħala xhud, u ma jgħidx dak li ra jew li jkun jaf,
jidneb u jpatti għal dnubu.

[2]Wieħed li jmiss xi ħaġa mniġġsa, bħalma hu ġisem mejjet ta' annimal tad-dar
jew selvaġġ imniġġes, jew ta' xi ħanex imniġġes, bla ma jintebaħ,

[3]jew jekk imiss xi nġiesa tal-bniedem, li jista' jitniġġes biha, bla ma jintebaħ,
malli jsir jaf jaqa' fil-ħtija.

[4]Wieħed li jaħlef bla ma jaħsibha, għall-ġid jew għad-deni, f'kull ħaġa li wieħed
jista' jaħlef bla ma jintebaħ, malli jintebaħ jaqa' fil-ħtija ta' kull waħda minn
dawn il-ħwejjeġ.

[5]"Kull meta xi ħadd ikun ħati ta' waħda minn dawn il-ħwejjeġ, jistqarr fiex dineb;

[6]u jġib vittma għar-riparazzjoni quddiem il-Mulej għad-dnub li jkun għamel;
mara mill-merħla tan-nagħaġ jew tal-mogħoż, bħala sagrifiċċju għall-
purifikazzjoni, u l-qassis jaqlagħlu l-maħfra tal-ħtija tiegħu.

[7]"Imma jekk ma jkunx jista' jagħti mill-merħla, iġib bħala vittma għar-
riparazzjoni żewġ gamimiet jew żewġ ħamimiet lill-Mulej, waħda għall-
purifikazzjoni u l-oħra għas-sagrifiċċju tal-ħruq.

[8]Iġibhom lill-qassis biex l-ewwel joffri l-vittma tal-purifikazzjoni; jilwilha rasha
minn ħdejn għonqha, bla ma jaqtagħha

[9]u jroxx id-demm tal-vittma tal-purifikazzjoni mal-ġnub tal-artal u jagħsru
f'riġlejn l-artal; dan hu s-sagrifiċċju tal-purifikazzjoni.

[10]Il-vittma l-oħra joffriha b'sagrifiċċju tal-ħruq, skont ir-rit. Hekk il-qassis
jagħmel l-espjazzjoni għad-dnub ta' dak li jkun għamlu u jaqlagħlu l-maħfra.

[11]"Jekk imbagħad anqas ma jkun jiflaħ jagħti żewġ gamimiet jew żewġ ħamimiet,
iġib offerta bi tpattija għad-dnub mill-għaxra waħda ta' efa smid għall-


© 2020 Malta Bible Society.

purifikazzjoni, bla ma jitfa' fuqu żejt jew inċens, għax din hi offerta tal-purifikazzjoni.

12Jagħtiha lill-qassis, u l-qassis jieħu minnha b'mimli idu b'tifkira, u jaħraqha fuq l-artal fuq l-offerti bin-nar lill-Mulej; din hi offerta tal-purifikazzjoni.

13Hekk il-qassis jagħmel l-espjazzjoni għad-dnub ta' dak li jkun naqas f'xi waħda minn dawn il-ħwejjeġ, u jaqlagħlu l-maħfra. Dak li jibqa' mill-vittma jmiss lill-qassis bħal fl-offerta tal-qmuħ."

### Is-sagrifiċċji tar-riparazzjoni

14Il-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

15"Wieħed li jidneb bla ma jintebaħ u jonqos fl-obbligi tiegħu mqaddsa lejn il-Mulej, joffri b'riparazzjoni muntun bla difett mill-merħla, li jkun jiswa b'kemm-il xekel tal-fidda tistmah int, skont ix-xekel tas-santwarju. Din hi offerta tal-purifikazzjoni.

16U hekk ipatti għall-ħsara li jkun għamel lis-santwarju, u miegħu jżid waħda mill-ħamsa ta' kemm tkun stmajtu. Jagħtih lill-qassis u l-qassis jagħmel l-espjazzjoni bl-offerta tal-muntun tar-riparazzjoni, u jaqlagħlu l-maħfra.

17"Jekk xi ħadd jaqa' fid-dnub, u jagħmel xi ħaġa minn dak li l-Mulej ordna li ma għandkomx tagħmlu, bla ma jintebaħ, għandu jpatti u jħallas għal dnubu.

18Iġib lill-qassis muntun bla difett mill-merħla, li jkun jiswa skont ma tistmah int, bħala offerta għar-riparazzjoni, u l-qassis jagħmel l-espjazzjoni għal dak li jkun għamel id-dnub bla ma jrid u ma ntebaħx, u hekk jaqlagħlu l-maħfra.

19Din hi offerta ta' riparazzjoni; għax kien ħati tassew ta' dnub quddiem il-Mulej."

20U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

21"Jekk xi ħadd jidneb u jonqos lill-Mulej billi jiċħad lil għajru xi oġġett merfugħ, mirhun jew misruq, jew iqarraq bih b'mod jew ieħor,

22jew inkella jsib xi oġġett mitluf, u jiċħdu minnu, jew jaħlef fil-falz f'xi ħaġa minn kulma jista' jidneb biha,

23jekk jagħmel dan, jidneb u jkun ħati. U għandu jrodd l-oġġett li jkun seraq jew kiseb bil-qerq, jew li kien merfugħ għandu, jew mitluf u sabu hu,

24u kull ħaġa li jkun ħalef fil-falz għaliha; għandu jroddu kollu kemm hu, u jżid miegħu waħda mill-ħamsa ta' kemm tkun stmajtu, u jagħtih lil sidu dak in-nhar li joffri l-offerta tar-riparazzjoni.

25U jġib għand il-qassis, bħala offerta tar-riparazzjoni lill-Mulej, muntun bla difett mill-merħla, skont ma tistmah int għar-riparazzjoni,


© 2020 Malta Bible Society.

26u l-qassis jagħmel l-espjazzjoni għalih quddiem il-Mulej, u jinħafirlu kulma jkun għamel u sar ħati minħabba fih."

## Levitiku 6

### Is-sagrifiċċju ta' kuljum

1Il-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

2"Ordna lil Aron u lil uliedu, u għidilhom: Din hi l-liġi tas-sagrifiċċju tal-ħruq; il-vittma tinħaraq il-lejl kollu fuq maġmar fuq l-artal sas-sebħ u n-nar tal-artal jibqa' mqabbad fih.

3U l-qassis jilbes il-libsa tiegħu tal-għażel u l-qalziet tal-għażel fuq il-laħam, ineħħi l-irmied tal-vittma maħruqa bin-nar fuq l-artal, u jqiegħdu ħdejn l-artal.

4Imbagħad jinża' l-ħwejjeġ li jkollu fuqu, u jilbes oħrajn u joħroġ l-irmied minn nofs il-kamp f'post nadif.

5In-nar ta' fuq l-artal għandu jibqa' mqabbad fuqu mingħajr qatt ma jintefa; u l-qassis kull filgħodu jaħraq il-ħatab fuqu, u jqiegħed fuqu l-vittma u jaħraq fuqu x-xaħam tas-sagrifiċċju tas-sliem.

6In-nar fuq l-artal għandu jibqa' jħeġġeġ għal dejjem u ma għandu jintefa qatt.

### L-offerta tal-qmuħ

7"Din hi l-liġi tal-offerta tal-qmuħ; ulied Aron iressqu l-offerta quddiem il-Mulej; quddiem l-artal.

8Il-qassis jerfa' minnha qabda smid biż-żejt u l-inċens ta' fuq l-offerta, u jaħraq kollox fuq l-artal, ħruq b'riħa tfuħ b'tifkira quddiem il-Mulej.

9"Il-fdal tal-offerta tal-qmuħ jikluh Aron u wliedu; jikluh bla ħmira f'post qaddis, u jikluh fil-bitħa tat-tinda tal-laqgħa.

10Ma jsajruhx bil-ħmira. Nagħtihulhom b'sehemhom mill-offerti maħruqin lili; hi ħaġa mill-aktar qaddisa, bħall-vittma tal-purifikazzjoni u tar-riparazzjoni.

11"Jista' jiekol minnha kull raġel fost ulied Aron. Dan hu dritt tagħhom għal dejjem, minn nisel għal nisel, fuq kull offerta li tinħaraq quddiem il-Mulej; kulma jmiss magħhom jitqaddes."

### L-offerta tal-konsagrazzjoni

12Il-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

13"Din hi l-offerta li Aron u wliedu għandhom iressqu quddiem il-Mulej f'jum il-konsagrazzjoni tagħhom: waħda minn għaxra ta' efa smid, bħala offerta ta' kuljum, nofsha filgħodu u nofsha filgħaxija.


© 2020 Malta Bible Society.

[14]Tħejjiha fit-taġen biż-żejt; iġġibha mħallta sewwa, u toffriha misjura ftiet ftiet, b'riħa tfuħ quddiem il-Mulej.

[15]U joffriha l-qassis, li jkun ikkonsagrat flok Aron minn fost uliedu. Din hi liġi għal dejjem: tinħaraq għall-Mulej; tinħaraq għalkollox.

[16]Kull offerta ta' qassis tinħaraq kollha kemm tkun; ma jittiekel xejn minnha."

### Is-sagrifiċċju tal-purifikazzjoni

[17]U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

[18]"Kellem lil Aron u lil uliedu: Din hi l-liġi dwar il-vittma tas-sagrifiċċju tal-purifikazzjoni: joqtluha fejn joqtlu l-vittma tas-sagrifiċċju tal-ħruq, quddiem il-Mulej; ħaġa mill-aktar qaddisa.

[19]Jikolha l-qassis li jkun qatilha; jikolha f'post qaddis fil-bitħa tat-tinda tal-laqgħa.

[20]Kulma jmiss ma' laħamha jkun qaddis, u jekk joqtor id-demm fuq il-ħwejjeġ, fejn joqtor fuqu jinħasel f'post sagru.

[21]Il-borma tal-fuħħar li tkun mgħollija fiha, titkisser; jekk tkun mgħollija f'borma tal-bronż, din għandha tingħorok u titlaħlaħ bl-ilma.

[22]Kull raġel fil-familja tal-qassisin jista' jiekol minnha; hi ħaġa mill-aktar qaddisa.

[23]Imma kull vittma tas-sagrifiċċju tal-purifikazzjoni, li jieħdu minn demmha fit-tinda tal-laqgħa għall-espjazzjoni fil-maqdes, ma jittiekel xejn minnha, imma għandha tinħaraq fin-nar.

## Levitiku 7

### Is-sagrifiċċju tar-riparazzjoni

[1]"Din hi l-liġi għas-sagrifiċċju tar-riparazzjoni: ħaġa mill-aktar qaddisa.

[2]Il-vittma tas-sagrifiċċju tar-riparazzjoni joqtluha fejn joqtlu dik tas-sagrifiċċju tal-ħruq u demmha jxerrduh madwar l-artal.

[3]U joffru minnha x-xaħam kollu tagħha, jiġifieri, id-denb, ix-xaħam li jiksi l-ġewwieni,

[4]iż-żewġ kilwiet bix-xaħam ta' madwarhom in-naħa tal-ġenbejn, u t-tebqa tal-fwied li jaqlagħha minn ħdejn il-kliewi.

[5]Il-qassis jaħraqhom fuq l-artal, ħruq lill-Mulej, sagrifiċċju ta' riparazzjoni.

[6]Kull raġel mill-qassisin jista' jiekol minnu u jiekol fil-post qaddis, ħaġa mill-aktar qaddisa.


© 2020 Malta Bible Society.

7Liġi waħda hemm kemm għas-sagrifiċċju tal-purifikazzjoni kemm għas-
sagrifiċċju tar-riparazzjoni: tkun tal-qassis li biha jkun għamel l-espjazzjoni;

8u l-qassis li jkun offra s-sagrifiċċju tal-ħruq ta' xi ħadd jieħu l-ġild tal-vittma;
din tkun tiegħu.

9Kull offerta tal-qmuħ imsajra fil-kenur jew fil-borma jew fit-taġen tkun tal-
qassis li joffriha.

10U kull offerta tal-qmuħ miblula fiż-żejt jew xotta, tkun ta' wlied Aron kollha,
kull wieħed daqs l-ieħor.

### Is-sagrifiċċju tas-sliem

11"Din hi l-liġi dwar is-sagrifiċċju tas-sliem li wieħed joffri lill-Mulej.

12Jekk joffriha b'radd il-ħajr, mal-vittma ta' radd il-ħajr joffri wkoll ftajjar ażżmi
miblula fiż-żejt, u ftajjar ażżmi rqaq midluka biż-żejt.

13Flimkien mal-offerta tas-sagrifiċċju tas-sliem ta' radd il-ħajr wieħed għandu
joffri ftajjar bil-ħmira.

14Minn kull xorta ta' offerta għandu jagħti sehem bħala offerta lill-Mulej; din
tmiss lill-qassis li jkun xerred id-demm tal-vittma tas-sliem.

15Il-laħam imbagħad tas-sagrifiċċju ta' radd il-ħajr jittiekel dak in-nhar stess li
ssir l-offerta; ma jitħalla xejn sa filgħodu.

16Jekk wieħed jagħmel l-offerta b'wegħda jew minn rajh, il-vittma tista' tittiekel
dak in-nhar stess li joffriha, u l-għada jista' jittiekel li jkun fadal;

17u dak li jkun baqa' mil-laħam tas-sagrifiċċju sat-tielet jum, jaħarqu fin-nar.

18Jekk fit-tielet jum jiekol il-laħam li jkun fadal mill-vittma tas-sliem, min joffriha
ma jkunx jogħġobni; ma jkun jgħoddlu xejn, għax tkun ħaġa moqżieża, u min
jiekol minnha jitgħabba bil-piż ta' dnubu.

19Il-laħam li jmiss ma' xi ħaġa mniġġsa ma għandux jittiekel, imma jinħaraq fin-
nar; u mil-laħam jista' jiekol kull min ikun safi.

20Min jiekol mil-laħam tal-vittma tas-sagrifiċċju tas-sliem offert lill-Mulej u jkun
imniġġes, ikun maqtugħ minn niesu.

21Min, imbagħad, imiss ma' xi ħaġa mniġġsa - bniedem, bhima, ħanex moqżież -
u jiekol mil-laħam tas-sagrifiċċju tas-sliem offert lill-Mulej, ikun maqtugħ minn
niesu."

22U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

23"Kellem lil ulied Iżrael u għidilhom:

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

24 La tiklux mix-xaħam ta' ebda gendus, nagħġa, jew mogħża. Tistgħu tagħmlu li jkollkom bżonn bix-xaħam ta' bhima mejta jew żbranata, imma ma għandkomx tikluh.

25 Kull min jiekol mix-xaħam ta' bhima, li minnha jkun offra xi biċċa biex tinħaraq quddiem il-Mulej, ikun maqtugħ minn niesu.

26 Ebda demm ma tieklu kull fejn tgħammru, ikun xi jkun, tat-tajr jew tal-bhejjem.

27 Kull min jiekol minn xi demm ikun maqtugħ minn niesu."

28 U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

29 "Kellem lil ulied Iżrael u għidilhom: Min joffri sagrifiċċju tas-sliem lill-Mulej, iġib l-offerta tiegħu lill-Mulej mill-vittma tiegħu tas-sliem.

30 B'idu stess iġib x'għandu jaħraq lill-Mulej; iġib ix-xaħam mas-sidra, u s-sidra jxejjirha quddiem il-Mulej.

31 Imbagħad il-qassis jaħraq ix-xaħam fuq l-artal, u s-sidra tibqa' għal Aron u wliedu;

32 tagħtu wkoll is-sieq il-leminija bħala offerta lill-qassis mill-vittmi tagħkom tas-sliem;

33 din is-sieq il-leminija tmiss b'sehmu lil bin Aron li jkun offra d-demm u x-xaħam tal-vittma tas-sliem.

34 Għax is-sidra li jxejjer u s-sieq li jxejjer, jien ħadthom mingħand ulied Iżrael fuq is-sagrifiċċji tagħhom tas-sliem u tajthom lil Aron il-qassis u lil uliedu, bi dritt għal dejjem mingħand ulied Iżrael.

35 "Dan hu s-sehem mill-vittmi l-maħruqa lill-Mulej, u ddedikati għal Aron u wliedu dak in-nhar li kienu ppreżentati biex iservu ta' qassisin quddiem il-Mulej.

36 Dan hu li ordna l-Mulej dak in-nhar li kkonsagrahom, li jagħtuhom ulied Iżrael bi dritt għal dejjem minn nisel għal nisel."

37 Din hi l-liġi dwar is-sagrifiċċju tal-ħruq, l-offerta tal-qmuħ, is-sagrifiċċju tal-purifikazzjoni u s-sagrifiċċju tar-riparazzjoni, is-sagrifiċċju tal-konsagrazzjoni u s-sagrifiċċju tas-sliem,

38 skont ma ordna l-Mulej minn fuq il-muntanja tas-Sinaj, dak in-nhar li ordna lil ulied Iżrael li jagħmlu l-offerti tagħhom lill-Mulej fid-deżert tas-Sinaj.

# Levitiku 8

### Il-konsagrazzjoni tal-qassisin

1 U l-Mulej kellem lil Mosè:

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

2“Ħu lil Aron u ’l uliedu, l-ilbies, iż-żejt tal-konsagrazzjoni, il-gendus għas-
sagrifiċċju tal-purifikazzjoni, u ż-żewġ imtaten, u l-qoffa tal-ħobż ażżmu.

3Laqqa’ l-ġemgħa kollha ħdejn il-bieb tat-tinda tal-laqgħa.”

4U Mosè għamel bħalma ordnalu l-Mulej, u nġabret il-ġemgħa kollha fil-bieb tat-
tinda tal-laqgħa.

5U Mosè qal lill-ġemgħa: “Dan hu li ordna l-Mulej li jsir.”

6U ressaq Mosè lil Aron, u ’l uliedu u ħasilhom bl-ilma.

7U qegħedlu fuqu t-tonka, ħażżmu bit-terħa, u libbsu l-mantar fuqha, u qegħedlu
fuqu l-efod u rabtu bil-faxxa tiegħu minsuġa bis-sengħa u xiddhulu.

8U qegħedlu wkoll fuqu l-pettoral, u fil-pettoral qegħedlu l-Urim u t-Tummim.

9Qegħedlu fuq rasu t-turbant, u fuq it-turbant, fuq quddiem, l-istrixxa tad-deheb
u l-kuruna mqaddsa skont l-ordni li ta Alla lil Mosè.

10U Mosè ħa ż-żejt tal-konsagrazzjoni u dilek it-tabernaklu u kulma kien fih u
kkonsagrahom.

11Imbagħad raxx minnu seba’ darbiet fuq l-artal u t-tagħmir kollu tiegħu, il-ħawt
u l-maqgħad tiegħu.

12U sawwab iż-żejt tal-konsagrazzjoni fuq ras Aron, u dilku u kkonsagrah.

13Imbagħad Mosè ressaq lil ulied Aron u libbishom it-tonka, ħażżimhom bit-
terħa, u xiddilhom it-turbant, kif kien ordna l-Mulej lil Mosè.

14Imbagħad ressaq il-gendus tas-sagrifiċċju tal-purifikazzjoni, u Aron u wliedu
qiegħdu idejhom fuq ras il-gendus.

15U Mosè qatlu, u ħa d-demm, u qiegħed minnu b’sebgħu fuq qrun l-artal,
dawramejt, u hekk saffa l-artal; u xerred id-demm f’riġlejn l-artal, u kkonsagrah
billi għamel l-espjazzjoni għalih.

16Ħa mbagħad ix-xaħam kollu ta’ madwar il-ġewwieni, u t-tebqa tal-fwied, u ż-
żewġ kilwiet b’xaħamhom, u ħaraq kollox fuq l-artal.

17U l-gendus u l-ġild tiegħu, laħmu u ħmieġu, ħaraqhom kollha barra mill-kamp,
kif kien ordna l-Mulej lil Mosè.

18Ġieb imbagħad il-muntun tas-sagrifiċċju tal-ħruq, u Aron u wliedu qiegħdu
idejhom fuq rasu;

19u Mosè qatlu u xerred demmu fuq l-artal dawramejt.

20Imbagħad qattgħu fi bċejjeċ u Mosè ħaraq rasu, il-bċejjeċ u x-xaħam.


© 2020 Malta Bible Society.

21U ħasel il-ġewwieni u s-saqajn bl-ilma; u Mosè ħaraq il-muntun kollu fuq l-artal b'sagrifiċċju tal-ħruq b'riħa tfuħ, vittma maħruqa lill-Mulej, kif kien ordna l-Mulej lil Mosè.

22Imbagħad ġieb it-tieni muntun, il-muntun tal-konsagrazzjoni, u Aron u wliedu qiegħdu idejhom fuq ras il-muntun.

23U Mosè qatlu u ħa minn demmu u qiegħed minnu fuq tarf il-widna l-leminija ta' Aron u fuq is-saba' l-kbir ta' idu l-leminija u fuq is-saba' l-kbir ta' siequ l-leminija.

24Imbagħad ressaq ukoll lil ulied Aron; u Mosè qiegħed mid-demm fuq tarf widinthom il-leminija, fuq is-saba' l-kbir ta' idhom il-leminija, fuq is-saba' l-kbir ta' sieqhom il-leminija; u mbagħad xerred id-demm fuq l-artal dawramejt.

25Imbagħad ħa x-xaħam, id-denb u x-xaħam kollu ta' fuq il-ġewwieni, u t-tebqa tal-fwied, u ż-żewġ kilwiet bix-xaħam tagħhom, u s-sieq il-leminija;

26imbagħad mill-qoffa tal-ħobż ażżmu ta' quddiem il-Mulej ħa ftira ażżma, ftira oħra tal-ħobż biż-żejt, u oħra rqiqa, u qegħedhom fuq ix-xaħam u fuq is-sieq il-leminija.

27U qiegħed kollox f'idejn Aron u f'idejn uliedu, u xejruhom quddiem il-Mulej.

28U mbagħad Mosè ħadhom minn idejhom, u ħaraqhom fuq l-artal fuq il-vittma tal-ħruq. Dan hu sagrifiċċju tal-konsagrazzjoni, b'riħa tfuħ, sagrifiċċju maħruq lill-Mulej.

29U ħa Mosè s-sidra tal-muntun u xejjirha quddiem il-Mulej. Dan hu sehem Mosè mill-muntun tal-konsagrazzjoni kif kien ordna l-Mulej lil Mosè.

30Mosè ħa wkoll miż-żejt tal-konsagrazzjoni, u mid-demm li kien hemm fuq l-artal, u raxxu fuq Aron u lbiesu, u fuq uliedu u lbieshom, u hekk ikkonsagrahom, lilhom u lil ilbieshom.

31U Mosè qal lil Aron u lil uliedu: "Sajru l-laħam ħdejn bieb it-tinda tal-laqgħa, u hekk kuluh bil-ħobż li hemm fil-qoffa tal-konsagrazzjoni bħalma ordnali l-Mulej u qalli: 'Jikluh Aron u wliedu.'

32U l-laħam u l-ħobż li jifdal aħraqhom bin-nar.

33U għal sebat ijiem toħorġux mill-bieb tat-tinda tal-laqgħa, sakemm jgħaddu l-jiem tal-konsagrazzjoni tagħkom; għaliex sebat ijiem iddum il-konsagrazzjoni tagħkom.

34Il-Mulej ordna li jsir bħalma sar illum għall-espjazzjoni tagħkom.

35Għal sebat ijiem intom toqogħdu billejl u binhar fil-bieb tat-tinda tal-laqgħa tħarsu l-ordnijiet tal-Mulej, biex ma tmutux; għax hekk ordnali."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

36U Aron u wliedu għamlu kulma ordnalhom il-Mulej permezz ta' Mosè.

# Levitiku 9

### L-ewwel sagrifiċċju ta' Aron

1Fit-tmien jum Mosè sejjaħ lil Aron u 'l uliedu u x-xjuħ ta' Iżrael.

2U qal lil Aron: "Hu għoġol mill-merħla għas-sagrifiċċju tal-purifikazzjoni u
muntun għas-sagrifiċċju tal-ħruq, it-tnejn bla difett, u offrihom quddiem il-
Mulej.

3U int kellem lil ulied Iżrael u għidilhom: Hudu bodbod għas-sagrifiċċju tal-
purifikazzjoni, għoġol u ħaruf, it-tnejn tas-sena u bla difett, għas-sagrifiċċju tal-
ħruq;

4u gendus u muntun għas-sagrifiċċju tas-sliem biex toqtluhom quddiem il-Mulej;
u offerta tal-qmuħ miblula fiż-żejt; għax illum sa jidhrilkom il-Mulej."

5U ħadu kulma ordnalhom Mosè quddiem it-tinda tal-laqgħa; u resqet il-ġemgħa
kollha u qagħdu bilwieqfa quddiem il-Mulej.

6U Mosè qal: "Dan hu li ordnalkom tagħmlu l-Mulej, biex tidhrilkom il-glorja tal-
Mulej."

7U Mosè mbagħad qal lil Aron: "Ersaq lejn l-artal u offri s-sagrifiċċju tal-
purifikazzjoni tiegħek, u s-sagrifiċċju tal-ħruq tiegħek, u agħmel espjazzjoni
għalik u l-familja tiegħek; imbagħad offri s-sagrifiċċju tal-poplu, u agħmel
espjazzjoni għalihom, bħalma wissa l-Mulej."

8U Aron resaq lejn l-artal, u qatel l-għoġol tal-purifikazzjoni tiegħu.

9U wlied Aron newlulu d-demm, u bill sebgħu fid-demm u qiegħed minnu fuq
qrun l-artal, u d-demm xerrdu ma' riġlejn l-artal;

10ix-xaħam u l-kliewi, u t-tebqa tal-fwied tal-vittma tal-purifikazzjoni, ħaraqhom
fuq l-artal, kif kien ordna l-Mulej lil Mosè.

11U l-laħam u l-ġild ħaraqhom bin-nar barra l-kamp.

12Imbagħad qatel il-vittma tas-sagrifiċċju tal-ħruq, u wlied Aron newlulu d-
demm, u xerrdu fuq l-artal dawramejt.

13Newlulu wkoll il-vittma għas-sagrifiċċju tal-ħruq imqattgħa bċejjeċ, u r-ras, u
ħaraqhom fuq l-artal.

14Imbagħad ħasel il-ġewwieni u s-saqajn, u ħaraqhom mal-vittma fuq l-artal.

15U offra l-offerta tal-poplu, u ħa l-bodbod tal-purifikazzjoni tal-poplu, u qatlu u
offrieh sagrifiċċju għall-purifikazzjoni bħal qabel.


© 2020 Malta Bible Society.

16 U mbagħad offra s-sagrifiċċju tal-ħruq, kollox skont ir-rit.

17 Offra wkoll l-offerta tal-qmuħ, u ħa qabda ta' id minnha u ħaraqha fuq l-artal, minn barra s-sagrifiċċju ta' filgħodu.

18 Qatel imbagħad il-gendus u l-muntun b'sagrifiċċju tas-sliem tal-poplu, u wlied Aron newlulu d-demm u xerrdu fuq l-artal dawramejt;

19 u x-xaħam tal-gendus u tal-muntun, id-denb, ix-xaħam ta' madwar il-ġewwieni, u l-kliewi u t-tebqa tal-fwied;

20 u qiegħdu x-xaħam fuq is-sidriet, u ħaraq ix-xaħam fuq l-artal.

21 Imma s-sidriet u s-sieq tal-lemin Aron xejjirhom quddiem il-Mulej skont ma kien ordnalu l-Mulej.

22 Imbagħad Aron għolla idejh fuq il-poplu u berikhom; u wara li temm joffri s-sagrifiċċju tal-purifikazzjoni u s-sagrifiċċju tal-ħruq u s-sagrifiċċju tas-sliem, niżel.

23 U Mosè u Aron daħlu fit-tinda tal-laqgħa; u ħarġu u bierku l-poplu; u dehret il-glorja tal-Mulej lill-poplu kollu.

24 U ħareġ nar minn quddiem il-Mulej u kkonsma li kien hemm fuq l-artal; il-vittma tas-sagrifiċċju tal-ħruq, u x-xaħam; u l-poplu rah, u nfexx jgħajjat bil-ferħ, u nxteħet wiċċu fl-art.

## Levitiku 10

### Nadab u Abiħu kkastigati

1 Ulied Aron, Nadab u Abiħu, ħadu ċensier kull wieħed, kebbsu n-nar u xeħtu fih l-inċens, u offrewh quddiem il-Mulej, nar profan li l-Mulej ma kienx ordnalhom.

2 U minnufih ħareġ nar minn quddiem il-Mulej, u kkunsmahom, u mietu quddiem il-Mulej.

3 U Mosè qal lil Aron: "Dan hu kliem il-Mulej meta tkellem u qal: Jien nuri qdusiti f'min joqrob lejja; u rrid nitweġġaħ quddiem il-poplu kollu." U Aron baqa' mbikkem.

4 Mosè sejjaħ lil Misael u lil Elsafan, ulied Għużżijel, iz-ziju ta' Aron, u qalilhom: "Ersqu 'l hawn u ħudu lill-kuġini tagħkom minn quddiem il-post qaddis 'il barra mill-kamp."

5 U resqu u ħaduhom bit-tonok b'kollox 'il barra mill-kamp kif qalilhom Mosè.

6 Imbagħad Mosè qal lil Aron u lil Elgħażar u lil Itamar, uliedu: "La tħabblux xagħar raskom, la ċċarrtux ħwejjiġkom, li ma tmutux u tiġbdu l-korla fuq il-

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

ġemgħa kollha. Imma nieskom u l-poplu kollu ta' Iżrael jistgħu jagħmlu l-vistu għall-qerda bin-nar li għamel il-Mulej.

7La twarrbux minn ħdejn it-tinda tal-laqgħa, li ma tmutux; għax intom għandkom fuqkom iż-żejt tal-konsagrazzjoni tal-Mulej." U għamlu kif qalilhom Mosè.

### Id-dmirijiet tal-qassisin

8U l-Mulej kellem lil Aron u qallu:

9"Inbid u xorb li jsakkar la tixrobx, int u wliedek miegħek, meta tidħlu fit-tinda tal-laqgħa, li ma tmutux. Din hi liġi għall-ġenerazzjonijiet kollha,

10biex b'hekk tagħżlu bejn is-sagru u l-profan, u bejn l-imniġġes u s-safi;

11u biex tgħallmu lil ulied Iżrael il-liġijiet kollha li tahom il-Mulej permezz ta' Mosè."

12U Mosè kellem lil Aron, u lil uliedu li kienu baqgħu, Elgħażar u Itamar: "Hudu l-offerta tal-qmuħ li baqa' mis-sagrifiċċju tal-ħruq lill-Mulej u kuluha bla ħmira ħdejn l-artal, għax ħaġa mill-aktar qaddisa hi.

13Kuluha f'post imqaddes, għax bi dritt tmiss lilek, u lil uliedek, minn kull offerta maħruqa lill-Mulej, għax jien hekk kont ikkmandat.

14Għandkom tieklu wkoll f'post qaddis is-sidra mxejra u s-sieq merfugħa b'offerta, int u wliedek subien u bniet, għax imissu lilek u lil uliedek bi dritt fuq kull sagrifiċċju tas-sliem ta' wlied Iżrael.

15Is-sieq merfugħa u s-sidra mxejra b'offerta u x-xaħam għall-ħruq, iġibuhom biex ixejruhom quddiem il-Mulej, u mbagħad jibqgħu għalik u għal uliedek bi dritt għal dejjem skont ma ordna l-Mulej."

16U Mosè fittex sewwa, u sab li l-bodbod tal-purifikazzjoni kien maħruq. Inkorla għal Elgħażar u għal Itamar, ulied Aron li kienu baqgħu, u qalilhom:

17"Għaliex ma kiltux il-vittma tal-purifikazzjoni fil-post imqaddes? Din hi ħaġa mill-aktar qaddisa, mogħtija lilkom biex titgħabba bil-ħtijiet tal-ġemgħa b'espjazzjoni għalihom quddiem il-Mulej.

18Ara, demmha ma nġibuhx 'il ġewwa nett fis-santwarju; kellkom tikluha fil-post qaddis, bħalma ordnajtilkom jien."

19Aron imbagħad qal lil Mosè: "Ara, illum offrew is-sagrifiċċju tal-purifikazzjoni u s-sagrifiċċju tal-ħruq quddiem il-Mulej, u ġrali dan kollu; wara dan li ġrali, kieku llum kilt mill-vittma tal-purifikazzjoni, jaqaw kien dan sa jogħġob lill-Mulej?"

20U meta Mosè sama' dan kollu, deherlu li kien kollox sewwa.


© 2020 Malta Bible Society.

# Levitiku 11

### Is-safa u t-tinġis tal-ikel

1 U l-Mulej kellem lil Mosè u lil Aron u qalilhom:

2 “Kellmu lil ulied Iżrael u għidulhom: Dawn huma l-annimali li tistgħu tieklu mill-bhejjem kollha ta’ fuq l-art;

3 kull bhima bid-dwiefer, bid-difer maqsum u tixtarr, tistgħu tieklu minnha.

4 Imma minn dawk li jixtarru, jew difrejhom maqsumin, ma tistgħux tieklu: il-ġemel, għax dan jixtarr, imma ma għandux difrejh maqsumin, għalikom hu mniġġes;

5 il-fenek tax-xagħri, għax dan jixtarr, iżda m’għandux difrejh maqsumin, għalikom hu mniġġes;

6 il-liebru, għax jixtarr imma ma għandux difrejh maqsumin, għalikom hu mniġġes;

7 il-ħanżir, għax għandu difrejh maqsumin, imma ma jixtarrx, għalikom hu mniġġes.

8 Tiklux minn laħamhom, anqas tmissu ġisimhom mejjet, għax għalikom huma mniġġsin.

9 “Minn kulma jgħix fl-ilma, dan li tistgħu tieklu: tistgħu tieklu minn kulma għandu l-ġwienaħ u l-qxur, fl-ilma tal-baħar jew tax-xmajjar.

10 Kulma hu bla ġwienaħ u bla qxur, fil-baħar jew fix-xmajjar, kulma jitħarrek fl-ilma u kull annimal li jgħix fl-ilma, hu qżież għalikom.

11 Moqżieża jkunu għalikom, tiklux minn laħamhom u għandkom tistkerrhu ġisimhom mejjet.

12 Kulma hu bla ġwienaħ u bla qxur fl-ilma, hu qżież għalikom.

13 “Mit-tjur dawn għandkom tistkerrhu, u ma għandkomx tieklu minnhom, għax moqżieża: l-ajkla, il-bugħadam, il-kuċċarda,

14 l-astur, kull xorta ta’ bies,

15 kull xorta ta’ ċawlun,

16 in-nagħma, il-kokka, il-barbaġann, is-seqer skont ġenshom,

17 il-barbaġann, il-margun, iż-żinna,

18 il-kwakk, il-pellikan, it-tiġieġa tal-baħar,

19 il-laqlâq, kull xorta ta’ russett, id-daqquqa tal-pinnaċċ u l-farfett il-lejl.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[20]Kull insett li jtir u jimxi, id-dud kollu li jtir u jimxi fuq erba’ saqajn, ikun għalikom ħaġa moqżieża.

[21]“Minn dawn tistgħu tieklu, mid-dud kollu li jtir u jimxi fuq erba’ saqajn u għandhom ’il fuq minn riġlejhom żewġ saqajn biex jaqbżu bihom fuq l-art.

[22]Minnhom tistgħu tieklu l-ġradijiet ta’ kull xorta: il-ġrad b’rasu kbira, il-ġrad aħdar, il-ġrad tad-deżert, u s-sarsur.

[23]Kull dud ieħor li jtir u għandu erba’ saqajn ikun moqżież għalikom.

[24]Minn dawn titniġġsu; min imiss ġisimhom mejjet ikun imniġġes sa filgħaxija;

[25]kull min jerfa’ xi wieħed minnhom mejjet għandu jaħsel ħwejġu u jibqa’ mniġġes sa filgħaxija.

[26]“Kull bhima li għandha d-dwiefer mhux maqsuma u ma tixtarrx, tkun għalikom imniġġsa; kull min imissha jitniġġes.

[27]Kulma jimxi fuq qiegħ saqajh minn fost il-bhejjem li jimxu fuq erba’ saqajn, ikun għalikom imniġġes u kull min imiss ġismu mejjet ikun imniġġes sa filgħaxija.

[28]Min jerfa’ ġisimhom mejjet għandu jaħsel ħwejġu u jkun imniġġes sa filgħaxija;

[29]għax dawn il-bhejjem kollha mniġġsin. “U minn fost l-annimali li jitkaxkru fl-art dawn huma kollha mniġġsin: il-ballottra, il-far u kull ġens ta’ gremxul;

[30]il-wiżgħa, il-kamaleonti, il-gremxul, ix-xaħmet l-art u t-talpa.

[31]Minn fost l-annimali kollha li jitkaxkru fl-art, dawn huma kollha mniġġsa għalikom; min jersaq lejhom meta jmutu jkun imniġġes sa filgħaxija.

[32]U jekk xi wieħed minnhom jaqa’ mejjet fuq xi ħaġa tal-injam, jew drapp, jew ġild, jew saqqu, jew xi għodda li biha wieħed jaħdem, jitfgħuha fl-ilma u tkun imniġġsa sa filgħaxija; imbagħad tindaf.

[33]Jekk imbagħad jaqa’ f’xi ġarra tal-fuħħar, jitniġġes kulma jkun hemm fiha, u l-ġarra tkissruha.

[34]Jekk ikun fiha l-ilma u jaqa’ fuq xi ikel, dan ukoll jitniġġes; kulma jista’ jinxtorob li jkun fih, jitniġġes.

[35]Kull ħaġa li jaqa’ fuqha xi mejjet minnhom titniġġes; il-forn u l-kenur tfarrkuhom, għax huma jkunu mniġġsin; u mniġġsin ikunu għalikom.

[36]L-għejun u l-bjar bl-ilma jibqgħu safja, iżda min imiss il-mejjet jitniġġes.

[37]Jekk jaqa’ xi wieħed minnhom fuq iż-żerriegħa taż-żrigħ, din tibqa’ safja.

[38]Imma jekk iż-żerriegħa tixxarrab bl-ilma, u jaqa’ fuqha xi mejjet minnhom, din tkun imniġġsa għalikom.


© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[39]Jekk tmut xi bhima li tistgħu tieklu minnha, min imiss ġisimha mejjet jitniġġes sa filgħaxija.

[40]Min jiekol minn ġisimha mejjet, għandu jaħsel ħwejġu u jibqa' mniġġes sa filgħaxija.

[41]'Kull annimal li jitkaxkar fl-art ikun qżież għalikom; la tiklux minnu.

[42]Kulma jimxi fuq żaqqu, u kulma jimxi fuq erba' saqajn u aktar, imma jitkaxkar fl-art, la tiklux minnu, għax qżież għalikom.

[43]La tiċċappsu b'ebda ħanex u titniġġsux bihom, għax titniġġsu intom ukoll.

[44]"Jiena l-Mulej Alla tagħkom, għalhekk għandkom titqaddsu, u tkunu qaddisin, għax jien qaddis, u ma għandkom titniġġsu b'ebda ħanex li jitkaxkar fl-art.

[45]Għax jien il-Mulej, li tellajtkom mill-art tal-Eġittu biex inkun Alla tagħkom u intom tkunu qaddisin, għax jien qaddis."

[46]Din hi l-liġi fuq il-bhejjem u t-tjur, u kull ħaġa ħajja li żżiġġ fl-ilma, u kulma jitkaxkar fl-art,

[47]biex tagħżlu bejn l-imniġġes u s-safi, u bejn il-bhejjem tajba għall-ikel u dawk li ma għandhomx jittieklu.

## Levitiku 12

### L-inġiesa tal-ħlas

[1]U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

[2]"Kellem lil ulied Iżrael u għidilhom: 'Meta mara titqal u tiled tifel tibqa' mniġġsa għal sebat ijiem, bħal meta tkun imniġġsa fi żmienha.

[3]U fit-tmien jum tinħaten it-tarbija;

[4]u l-omm iddum tlieta u tletin jum oħra biex tissaffa minn demmha; ma tmiss xejn li hu mqaddes, u ma tidħolx fis-santwarju, sakemm ma jgħaddix żmien it-tisfija tagħha.

[5]U jekk tiled tifla, iddum imniġġsa għal ġimagħtejn, bħal meta tkun fi żmienha, u sitta u sittin jum ieħor biex tissaffa minn demmha.

[6]U meta jgħaddi żmien it-tisfija tagħha, għal tifel jew għal tifla, iġġib ħaruf ta' dik is-sena għas-sagrifiċċju tal-ħruq, u beċċun ta' ħamiema jew gamiema għas-sagrifiċċju tal-purifikazzjoni u tagħtihom lill-qassis quddiem il-bieb tat-tinda tal-laqgħa.

[7]U joffrihom quddiem il-Mulej, u jagħmel l-espjazzjoni għaliha u tissaffa mit-tnixxija ta' demmha. "Din hi l-liġi għall-mara li tiled tifel jew tifla.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

8U jekk hi ma tlaħħaqx biex tagħti ħaruf, tieħu żewġ gamimiet jew żewġt ibċieċen tal-ħamiem, wieħed għall-ħruq u l-ieħor għas-sagrifiċċju tal-purifikazzjoni, u hekk il-qassis jagħmel l-espjazzjoni għaliha u tissaffa."

# Levitiku 13

### Il-mard tal-ġilda

1U l-Mulej kellem lil Mosè u lil Aron u qalilhom:

2"Meta xi ħadd ikollu fil-ġilda xi qxur jew xi bużżieqa, jew xi tebgħa bajda, qisha ġerħa tal-ġdiem, jeħduh għand Aron il-qassis, jew għand xi ħadd minn uliedu l-qassisin.

3Il-qassis imbagħad jara l-ġerħa tal-ġilda tal-ġisem, u, jekk ix-xagħar ta' ħdejn il-ġerħa jkun bjad u l-ġerħa tkun 'l isfel mill-ġilda, din tkun ġerħa tal-ġdiem, u l-qassis jarah sewwa, u jiddikjarah imniġġes.

4Imma jekk it-tebgħa fil-ġilda tkun bajda, iżda mhux 'l isfel mill-ġilda, u x-xagħar ma jkunx bjad, il-qassis jagħlaq il-miġruħ għal sebat ijiem.

5U jerġa' l-qassis jarah fis-seba' jum, u jekk isib li l-ġerħa baqgħet kif kienet, u ma nfexxetx fil-ġilda, il-qassis jagħlqu għal sebat ijiem oħra.

6Imbagħad jerġa' jarah fis-seba' jum, u jekk isib li l-ġerħa ntfiet u ma nfexxetx fil-ġilda, jiddikjarah nadif għax tkun bużżieqa. U jaħsel ħwejġu u jindaf.

7Imma jekk il-bużżieqa tinfexx fil-ġilda, wara li jkun rah il-qassis u għaddieh b'nadif, jerġa' jidher quddiem il-qassis.

8Jarah il-qassis, u jekk jara li l-ġerħa nfexxet fil-ġilda, jiddikjarah b'imniġġes, għax ikun ġdiem.

9"Meta wieħed ikollu l-ġerħa tal-ġdiem, iġibuh quddiem il-qassis.

10Imbagħad jarah il-qassis, u jekk ikun hemm qoxra bajda fil-ġilda, u bix-xagħar ġo fiha abjad, u l-fdal ta' laħam ħaj,

11dan ikun ġdiem li jkun ilu fil-ġilda ta' ġismu, u l-qassis jiddikjarah b'imniġġes; imma ma jagħlqux, għax ikun imniġġes.

12Jekk imbagħad il-ġdiem jixtered mal-ġilda, u jiksi l-ġilda kollha tal-marid, minn rasu sa saqajh, kull fejn jista' jara l-qassis,

13il-qassis jarah, u jekk il-ġdiem ikun jiksi l-ġilda kollha ta' ġismu, jiddikjara l-marid nadif; għax ikun bjad għalkollox, u hu nadif.

14Imma jekk jitfaċċa l-laħam il-ħaj, ikun imniġġes.

15Malli l-qassis jara l-laħam il-ħaj, jiddikjarah imniġġes; għaliex il-laħam il-ħaj, sinjal tal-ġdiem, hu mniġġes.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

16Jekk imma l-laħam il-ħaj jgħib, u l-marid jerġa' jibjad, għandu jmur għand il-
qassis;

17jekk il-qassis, meta jarah, isib li bjad, jiddikjarah nadif, u jkun imnaddaf.

18"Wieħed li jkollu fil-ġilda ta' ġismu nuffata, u jfiq minnha,

19imma mbagħad flok in-nuffata titfaċċa qoxra bajda, jew tebgħa bajda tagħti fl-
aħmar, għandu jidher quddiem il-qassis.

20U malli jarah il-qassis u jsib li tkun 'l isfel mill-ġilda, u x-xagħar ikun bjad,
jiddikjarah imniġġes, għax tkun ġerħa tal-ġdiem, li faqqset fin-nuffata.

21Imma jekk il-qassis jaraha, u ma jsibx xagħar abjad, u ma tkunx 'l isfel mill-
ġilda, imma tkun bjadet, il-qassis jagħlqu għal sebat ijiem,

22u mbagħad, jekk it-tebgħa tinfirex mal-ġilda, il-qassis jiddikjarah imniġġes,
għax tkun ġerħa tal-ġdiem.

23Imma jekk it-tebgħa tibqa' fejn kienet bla ma tinfirex, tkun l-għeluq tan-nuffata
u għalhekk il-qassis jiddikjarah nadif.

24"Jekk xi ħadd ikollu ħarqa bin-nar fil-ġilda, u l-għeluq tal-ħarqa jsir tebgħa
bajda tagħti fl-aħmar jew bajda,

25jaraha l-qassis, u jekk ix-xagħar fit-tebgħa jkun bjad u t-tebgħa tidher 'l isfel
mill-ġilda, tkun ġdiem imfaqqas fil-ħarqa, u l-qassis jiddikjarah imniġġes, għax
tkun ġerħa tal-ġdiem.

26"Imma jekk jaraha l-qassis, u ma jkunx hemm fit-tebgħa xagħar abjad, u ma
tkunx 'l isfel mill-ġilda, u lewnha jkun tefa, il-qassis jagħlqu għal sebat ijiem.

27Imbagħad il-qassis jarah fis-seba' jum, u jekk tkun infirxet fil-ġilda, il-qassis
jiddikjarah imniġġes, għax tkun ġerħa tal-ġdiem.

28Imma jekk it-tebgħa tibqa' kif kienet u ma tkunx infirxet mal-ġilda, u tilfet
lewnha, tkun il-fdal tal-ħarqa, u l-qassis jiddikjarah nadif, għax tkun l-għeluq tal-
ħarqa.

29"Jekk mara jew raġel ikollu f'rasu, jew fi lħitu, ġerħa,

30għandu jaraha l-qassis, u jekk jara li tkun 'l isfel mill-ġilda, u bix-xagħar safrani
u skars, il-qassis jiddikjarah imniġġes; għax ikollu l-falza, il-ġdiem tar-ras jew
tal-leħja.

31Imma jekk il-qassis jara l-ġerħa tal-falza, u ma tkunx tidher li tkun 'l isfel mill-
ġilda, u ma jkunx hemm xagħar iswed fiha, il-qassis jagħlaq il-marid bil-falza
għal sebat ijiem.

32U mbagħad jara l-ġerħa fis-seba' jum, u, jekk il-falza ma tkunx ġriet, u ma jkunx
fiha xagħar iswed u ma tidhirx 'l isfel mill-ġilda,


© 2020 Malta Bible Society.

33il-marid jitqarweż - imma mhux fejn tkun il-falza - u l-qassis jagħlaq il-marid
bil-falza għal sebat ijiem oħra.

34Imbagħad il-qassis jerġa' jara l-falza fis-seba' jum, u jekk il-falza ma tkunx ġriet
mal-ġilda, u ma tidhirx 'l isfel mill-ġilda, il-qassis jiddikjarah nadif; u dak jaħsel
ħwejġu u jkun nadif.

35Imma jekk il-falza, wara li jkun iddikjaraha nadifa, tiġri mal-ġilda,

36jerġa' jarah il-qassis, u jekk il-falza tkun ġriet mal-ġilda, ma għandux għalfejn
il-qassis jara jekk ix-xagħar ikunx safrani; għax ikun imniġġes.

37Jekk imbagħad jara li l-falza waqfet u tela' x-xagħar iswed, il-marid ikun
imfejjaq u nadif, u l-qassis jiddikjarah nadif.

38"Raġel jew mara li jkollhom il-ġilda ta' ġisimhom bi tbajja' bojod,

39jarahom il-qassis u jekk jarahom bojod u mitfija, ikun ħżież imfaqqas fil-ġilda;
il-marid ikun nadif.

40"Min jitlef ix-xagħar ta' rasu, ikun qargħi, imma jkun nadif.

41Jekk jaqagħlu minn fuq ġbinu, ikun fartas minn quddiem, imma nadif.

42Iżda jekk ikollu fil-qurriegħa bla xagħar jew ġbinu bla xagħar, ġerħa bajda
tagħti fl-aħmar, dan ikun ġdiem imfaqqas fil-qurriegħa jew ġbinu.

43Għandu jarah il-qassis, u jekk jara li l-qoxra tal-ġerħa fil-qurriegħa jew fil-ġbin
tkun bajda tagħti fl-aħmar, bħalma jidher fil-ġdiem tal-ġilda ta' ġismu,

44dan ikun bniedem imġiddem għalkollox u mniġġes, u l-qassis għandu
jiddikjarah imġiddem; għax il-ġerħa tkun fir-ras.

45"Il-marid bil-ġdiem għandu jilbes ħwejjeġ imqattgħa u jħalli rasu mikxufa, u
jitgħatta sa geddumu, u jgħajjat: 'Imniġġes! Imniġġes!'

46Kemm idum marid ikun miżmum b'imniġġes li hu, u jgħix waħdu f'postu barra
mill-kamp.

### It-tingis tal-ilbies

47"Meta biċċa lbies tibda tnawwar, sew jekk tkun tas-suf sew tal-għażel,

48fil-medd jew fit-togħma, jew biċċa ġild jew xi ħaġa oħra tal-ġild,

49jekk il-biċċa l-marida tkun ħadranija jew ħamranija, sew ilbies sew ġild, fil-
medd jew fit-togħma, jew f'kull ħaġa oħra tal-ġild, din tkun tebgħa tat-tinwir u
għandu jaraha l-qassis.

50Meta jkun raha l-qassis, dan għandu jagħlaq il-biċċa mċappsa għal sebat ijiem;


© 2020 Malta Bible Society.

[51]imbagħad jerġa' jaraha fis-seba' jum, u jekk jara li t-tebgħa fl-ilbies xterdet,
sew fil-medd sew fit-togħma, sew fil-ġild jew f'kull ħaġa oħra tal-ġild, din tkun
tinwir li jġib il-ħsara; din hi mniġġsa.

[52]U jaħraq il-biċċa mniġġsa, sew fil-medd sew fit-togħma, kemm tas-suf kemm
tal-għażel, u kull ħaġa oħra tal-ġild li tkun imċappsa; għax dan ikun tinwir li jġib
il-ħsara u għalhekk għandha tinqered bin-nar.

[53]Imma jekk il-qassis jaraha u jsib li t-tinwir ma xteridx fl-ilbies, fil-medd jew fit-
togħma, jew f'kull ħaġa oħra tal-ġild,

[54]jordna li jaħslu l-biċċa mċappsa, u jagħlaqha għal sebat ijiem oħra.

[55]Imbagħad il-qassis jerġa' jara t-tinwir wara li jkunu ħasluha, u jekk jara li fl-
għajn it-tinwir ma tbiddilx, għalkemm ma jkunx xtered, tkun imniġġsa, u
għandek taħraqha fin-nar, sew jekk tkun imnawra mis-sewwa sew mill-maqlub.

[56]Jekk il-qassis jaraha u jsib li l-lewn tat-tinwir ikun tefa wara li jkunu ħasluha,
jaqta' t-tebgħa mill-ilbies jew mill-ġild, mill-medd jew mit-togħma, u minn kull
ħaġa oħra tal-ġild.

[57]Imma jekk jerġa' jidher it-tinwir fl-ilbies, fil-medd jew fit-togħma, u f'kull ħaġa
oħra tal-ġild, ikun faqqas mill-ġdid, u għandek taħraq bin-nar it-tinwir kollu li
jkun fiha.

[58]Imma jekk l-ilbies, jew medd jew togħma, jew kull ħaġa oħra tal-ġild,
taħsilhom u t-tinwir imur, erġa' aħsilhom għat-tieni darba u jkunu ndaf."

[59]Din hi l-liġi għat-tinwir tal-ilbies tas-suf jew tal-għażel, tal-medd jew tat-
togħma u ta' kull ħaġa oħra tal-ġild, biex ikunu ddikjarati ndaf jew imniġġsa.

# Levitiku 14

### Il-purifikazzjoni tal-imġiddem

[1]Il-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

[2]"Din hi l-liġi għall-imġiddem meta jitnaddaf; iġibuh għand il-qassis.

[3]U joħroġ il-qassis barra l-kamp u jarah. Jekk isib li l-ġerħa tal-ġdiem marret
mill-imġiddem,

[4]jordna li jġibu għal min se jitnaddaf żewġ għasafar ħajjin u safjin, għuda taċ-
ċedru, biċċa tal-iskarlatt u żuf.

[5]Imbagħad il-qassis jgħidilhom biex joqtlu wieħed mill-għasafar fuq xi ħaġa tal-
fuħħar mimlija bl-ilma ġieri;

[6]u jaqbad l-għasfur ħaj, l-għuda taċ-ċedru, u ż-żuf, u jbillhom - l-għasfur ħaj ukoll
- fid-demm tal-għasfur maqtul fuq l-ilma ġieri.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

7 U jroxx seba’ darbiet lil min se jitnaddaf mill-ġdiem, u jiddikjarah li tnaddaf; u jitlaq l-għasfur ħaj fir-raba’.

8 U min ikun tnaddaf jaħsel ħwejġu, iqaxxar xagħru kollu, jinħasel bl-ilma, u jitnaddaf; u mbagħad jista’ jidħol fil-kamp, imma jibqa’ sebat ijiem barra mill-għarix tiegħu.

9 U fis-seba’ jum iqaxxar ix-xagħar kollu ta’ rasu, il-leħja, u ħuġbejn għajnejh; iqaxxar xagħru kollu, jaħsel ħwejġu, jaħsel ġismu bl-ilma, u hekk jitnaddaf.

10 Fit-tmien jum jieħu żewġ ħrief bla difett u ħarufa bla difett, u tas-sena, u offerta tal-qmuħ, tlieta minn għaxra smid miblula fiż-żejt, u log żejt.

11 U l-qassis li jkun inaddaf, flimkien mar-raġel li jkun jitnaddaf, iqegħedhom quddiem il-Mulej fid-dħul tat-tinda tal-laqgħa.

12 U l-qassis jieħu wieħed mill-ħrief, u joffrih bħala sagrifiċċju ta’ riparazzjoni, u l-log żejt, u jgħollihom u jxejjirhom quddiem il-Mulej.

13 U joqtol il-ħaruf fejn joqtlu l-vittma tar-riparazzjoni u dik tal-ħruq, jiġifieri fil-post imqaddes, għaliex il-vittma tar-riparazzjoni, bħall-vittma tal-purifikazzjoni, tmiss lill-qassis, u hi ħaġa l-aktar qaddisa.

14 Jieħu l-qassis mid-demm tal-vittma u jqiegħdu f’tarf il-widna l-leminija ta’ min se jitnaddaf, u fuq sebgħu l-kbir ta’ idu l-leminija, u dak ta’ siequ l-leminija.

15 Imbagħad il-qassis jieħu mil-log żejt, u jsawbu fuq idu x-xellugija;

16 ibill sebgħu ta’ idu l-leminija fiż-żejt li jkun f’idu x-xellugija u jroxx bih seba’ darbiet quddiem il-Mulej.

17 U miż-żejt li jkun baqa’ f’idu jqiegħed il-qassis fuq tarf il-widna l-leminija ta’ min se jitnaddaf, u fuq sebgħu l-kbir ta’ idu l-leminija, u fuq sebgħu l-kbir ta’ siequ l-leminija, fuq demm il-vittma tar-riparazzjoni;

18 il-bqija taż-żejt, li jibqa’ f’idu, isawbu fuq ras min se jitnaddaf u hekk il-qassis itemm għalih l-espjazzjoni quddiem il-Mulej.

19 Imbagħad l-istess qassis joffri s-sagrifiċċju tal-purifikazzjoni, biex ipatti għal dak li se jitnaddaf mill-inġiesa tiegħu, u mbagħad joqtol il-vittma għas-sagrifiċċju tal-ħruq.

20 Il-qassis joffri s-sagrifiċċju tal-ħruq u l-offerta tal-qmuħ fuq l-artal, u hekk ipatti għall-marid u dan jindaf.

21 “Jekk ikun fqir u ma jwassalx biex jagħti daqshekk, jieħu ħaruf wieħed għas-sagrifiċċju tar-riparazzjoni biex joffrih u jxejru għall-espjazzjoni għalih innifsu, waħda minn għaxra ta’ smid miblul fiż-żejt bħala offerta tal-qmuħ u log żejt.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

22U żewġ gamimiet jew żewġ ħamimiet skont ma jiflaħ, waħda għas-sagrifiċċju
tal-purifikazzjoni u l-oħra għas-sagrifiċċju tal-ħruq.

23U jġibhom fit-tmien jum tat-tindif tiegħu għand il-qassis fil-bieb tat-tinda tal-
laqgħa quddiem il-Mulej.

24U l-qassis jieħu l-ħaruf għas-sagrifiċċju tar-riparazzjoni u l-log żejt, u
jgħollihom u jxejjirhom quddiem il-Mulej;

25u mbagħad joqtol il-ħaruf tar-riparazzjoni; u l-qassis jieħu mid-demm tal-
vittma tar-riparazzjoni u jqiegħed minnu fuq tarf il-widna l-leminija ta' min ikun
jitnaddaf, u fuq sebgħu l-kbir ta' idu l-leminija, u fuq sebgħu l-kbir ta' siequ l-
leminija.

26Imbagħad il-qassis isawwab ftit żejt f'idu x-xellugija,

27u b'sebgħu ta' idu l-leminija jroxx minnu seba' darbiet quddiem il-Mulej;

28u l-qassis iqiegħed ftit miż-żejt li jkun f'idu fuq tarf il-widna l-leminija ta' min
ikun jitnaddaf, u fuq sebgħu l-kbir ta' idu l-leminija u fuq sebgħu l-kbir ta' siequ
l-leminija f'post id-demm tal-vittma tar-riparazzjoni.

29U ż-żejt li jibqa' f'id il-qassis isawbu fuq ras min ikun jitnaddaf għall-
espjazzjoni tiegħu quddiem il-Mulej.

30Imbagħad miż-żewġ gamimiet jew mill-frieħ tal-ħamiem,

31li jkun jista' jagħti, jagħti waħda għas-sagrifiċċju tal-purifikazzjoni u l-oħra
għas-sagrifiċċju tal-ħruq, barra mill-offerta tal-qmuħ; u hekk il-qassis jagħmel l-
espjazzjoni quddiem il-Mulej għal min ikun jitnaddaf.

32"Din hi l-liġi għal min ikollu l-marda tal-ġdiem u ma jkollux biżżejjed x'jagħti
meta jitnaddaf."

### Il-ġdiem tad-dar

33U l-Mulej kellem lil Mosè u lil Aron u qalilhom:

34"Meta tkunu dħaltu fl-art ta' Kangħan li se nagħtikom biex teħduha f'idejkom,
u jien inkun bgħatt il-mard tal-ġdiem f'xi dar fl-art li tkun f'idejkom,

35sid id-dar imur għand il-qassis u jgħidlu: 'Jidhirli li tfaċċa l-mard fid-dar tiegħi.'

36Il-qassis imbagħad jordna li jbattlu d-dar minn kulma jkun fiha qabel ma jmur
jaraha, biex ma jitniġġisx kulma jkun hemm fiha; imbagħad imur il-qassis jara d-
dar.

37Jekk jara l-mard fil-ħitan tad-dar bħal ħofor jagħtu fl-aħdar jew l-aħmar,
qishom imħaffrin fil-ħajt,

38il-qassis joħroġ 'il barra mill-bieb tad-dar, u jagħlaq id-dar għal sebat ijiem.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

39Fis-seba' jum il-qassis jerġa' jmur, jaraha, u jekk isib li l-mard infirex mal-ħitan
tad-dar,

40il-qassis jordna li jaqilgħu l-ġebel li jkun fih il-mard, u jitfgħuh 'il barra mill-
belt f'xi post imniġġes.

41Imbagħad joborxu d-dar dawramejt u jitfgħu t-trab tal-brix barra l-belt f'post
imniġġes.

42Jieħdu ġebel ieħor, u jqegħduh flok l-ieħor, u jieħdu trab ieħor u jkaħħlu bih
fid-dar.

43"Jekk wara li jkunu neħħew il-ġebel, barxuha u kaħħluha, jerġa' jitfaċċa l-mard
u jinfirex mad-dar,

44imur il-qassis jaraha, u jekk jara li ħareġ il-mard fid-dar, dan ikun ġdiem li
jherri d-dar, u din tkun imniġġsa.

45U jħottu d-dar u jġorru 'l barra mill-belt il-ġebel, l-injam, u t-trab kollu tad-dar
f'post imniġġes.

46Kull min jidħol fid-dar fiż-żmien kollu li tkun magħluqa, ikun imniġġes sa
filgħaxija.

47Min jorqod jew jiekol fid-dar, ikollu jaħsel ħwejġu.

48Imma jekk il-qassis imur, u jara sewwa, u jsib li l-marda ma nfirxitx mad-dar
wara t-tikħil tad-dar, il-qassis jiddikjara d-dar nadifa, għax tkun ħelset mill-
marda.

49Għall-purifikazzjoni tad-dar, jieħu żewġ għasafar, għuda taċ-ċedru, biċċa
skarlatt, u żuf;

50u joqtol wieħed mill-għasafar fuq xi ħaġa tal-fuħħar bl-ilma ġieri fiha;

51jieħu l-għuda taċ-ċedru, u ż-żuf, u l-biċċa skarlatt u l-għasfur il-ħaj u jbillhom
fid-demm tal-għasfur il-maqtul, u fl-ilma ġieri, u jroxx id-dar seba' darbiet.

52Hekk ikun naddaf id-dar bid-demm tal-għasfur, bl-ilma ġieri, u bl-għasfur il-
ħaj, u bl-għuda taċ-ċedru u ż-żuf, u l-biċċa skarlatt.

53Imbagħad jitlaq l-għasfur il-ħaj jittajjar 'il barra mill-belt lejn ir-raba'. U meta
jkun għamel din l-espjazzjoni, id-dar tkun imnaddfa."

54Din hi l-liġi għal kulmard tal-ġdiem u l-marda tal-falza,

55il-ġdiem tal-ħwejjeġ u tad-dar,

56għall-qxur, infafet, u tbajja',

57biex turikom meta ħaġa tkun imniġġsa, u meta tkun nadifa. U din hi l-liġi fil-
każ tal-ġdiem.


© 2020 Malta Bible Society.

# Levitiku 15

### L-indafa tal-ġisem

1 U l-Mulej kellem lil Mosè u lil Aron, u qalilhom:

2 “Kellmu lil ulied Iżrael u għidulhom: Raġel li jkollu nxija minn ġismu jkun mniġġes minħabba din l-inxija;

3 u l-inġiesa li jkollu minħabba din l-inxija, sew jekk tibqa’ tnixxi minn ġismu sew jekk iżżomm, jibqa’ mniġġes biha.

4 Kull friex li jimtedd fuqu l-marid bl-inxija jkun imniġġes, u kull ħaġa li joqgħod bilqiegħda fuqha tkun imniġġsa.

5 U kull min imiss friexu jaħsel ħwejġu, u jinħasel bl-ilma, u jibqa’ imniġġes sa filgħaxija.

6 U kull min joqgħod bilqiegħda fejn ikun qagħad bilqiegħda l-marid bl-inxija, jaħsel ħwejġu, u jinħasel bl-ilma u jibqa’ mniġġes sa filgħaxija.

7 U min imiss il-ġisem tal-marid bl-inxija, jaħsel ħwejġu, u jinħasel bl-ilma, u jibqa’ mniġġes sa filgħaxija.

8 U jekk il-marid bl-inxija jobżoq fuq xi ħadd safi, dan jaħsel ħwejġu, u jinħasel bl-ilma u jibqa’ mniġġes sa filgħaxija.

9 Kull mirkeb li jirkeb fuqu l-marid bl-inxija, ikun imniġġes.

10 U kull min imiss xi ħaġa li tkun taħtu jitniġġes sa filgħaxija; min imbagħad iġorrha, għandu jaħsel ħwejġu, u jinħasel bl-ilma, u jibqa’ mniġġes sa filgħaxija.

11 Kull min imissu l-marid bl-inxija, u ma jkunx ħasel idejh bl-ilma, jaħsel ħwejġu, u jinħasel bl-ilma, u jibqa’ mniġġes sa filgħaxija.

12 Kull ħaġa tal-fuħħar li jmissha l-marid bl-inxija għandha titkisser, u kull ħaġa tal-injam titlaħlaħ bl-ilma.

13 “Meta l-marid iħossu mfejjaq mill-inxija, jgħodd sebat ijiem minn meta jfiq, u jaħsel ħwejġu, u jaħsel ġismu bl-ilma ġieri, u jitnaddaf.

14 U fit-tmien jum jieħu żewġ gamimiet, jew par bċieċen tal-ħamiem, u jmur quddiem il-Mulej, quddiem il-bieb tat-tinda tal-laqgħa u jagħtihom lill-qassis.

15 U l-qassis il-wieħed joffrih sagrifiċċju għall-purifikazzjoni, u l-ieħor sagrifiċċju tal-ħruq, u hekk il-qassis jagħmel espjazzjoni għalih quddiem il-Mulej għall-inxija tiegħu.

16 “Meta wieħed ikollu tixrid iż-żerriegħa, jaħsel ġismu kollu bl-ilma, u jibqa’ mniġġes sa filgħaxija.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

17U l-biċċa ħwejjeġ jew ġild, li ż-żerriegħa tixxerred fuqha, jaħsilha bl-ilma, u
jibqa' mniġġes sa filgħaxija.

18U l-mara li jersaq lejha raġel b'tixrid iż-żerriegħa, jinħaslu t-tnejn bl-ilma u
jibqgħu mniġġsa sa filgħaxija.

19"Il-mara li jkollha l-inxija tad-demm f'ġisimha, tibqa' fi żmienha għal sebat
ijiem, u kull min imiss magħha jibqa' mniġġes sa filgħaxija.

20U kulma timtedd jew toqgħod fuqu meta tkun imniġġsa, jitniġġes.

21U kull min imiss friexha, għandu jaħsel ħwejġu, u jinħasel bl-ilma, u jibqa'
mniġġes sa filgħaxija.

22Kull min imiss xi ħaġa li fuqha tkun bilqiegħda, jaħsel ħwejġu, u jinħasel bl-
ilma, u jibqa' mniġġes sa filgħaxija.

23Jekk ikun fuq il-friex jew fuq xi ħaġa li fuqha tkun bilqiegħda hi meta jmissha,
jibqa' mniġġes sa filgħaxija.

24Jekk imbagħad jimtedd magħha xi raġel, dan jitniġġes bl-inxija tagħha, u jibqa'
mniġġes għal sebat jiem, u kull friex li jimtedd fuqu jitniġġes.

25"Il-mara li jkollha nxija ta' demm għal ħafna jiem barra minn żmienha, jew
aktar mis-soltu, sakemm iddum din l-inxija tkun imniġġsa, bħal fi żmienha;

26u kull friex li timtedd fuqu, kemm iddum l-inxija, ikun bħal fi żmienha; u kulma
toqgħod fuqu, ikun imniġġes bħall-friex fi żmienha.

27U kull min imisshom jitniġġes, u għandu jaħsel ħwejġu, u jinħasel bl-ilma, u
jibqa' mniġġes sa filgħaxija.

28"Meta mbagħad tissaffa mill-inxija tagħha, tgħodd sebat ijiem, u wara dan tkun
imnaddfa.

29Fit-tmien jum tieħu żewġ gamimiet, jew par bċieċen tal-ħamiem, u teħodhom
għand il-qassis, quddiem il-bieb tat-tinda tal-laqgħa.

30U l-qassis joffri wieħed minnhom b'sagrifiċċju għall-purifikazzjoni u l-ieħor
b'sagrifiċċju tal-ħruq; u hekk il-qassis jagħmel espjazzjoni għaliha quddiem il-
Mulej għall-inġiesa tal-inxija tagħha.

31"Hekk inti żżomm lil ulied Iżrael 'il bogħod mit-tinġis tagħhom, u ma jniġġsux
bl-inġiesa tagħhom l-għamara tiegħi li hemm f'nofshom, u jmutu."

32Din hi l-liġi għal min jitniġġes bl-inxija jew tixrid iż-żerriegħa,

33għall-marida fi żmienha, għal min għandu l-inxija, raġel jew mara, u għal raġel
li jimtedd ma' mara mniġġsa."

## Levitiku 16

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

### Jum l-espjazzjoni

1U l-Mulej kellem lil Mosè wara l-mewt taż-żewġ ulied ta’ Aron, li kienu mietu
huma u resqin lejn il-Mulej.

2U l-Mulej qal lil Mosè: “Għid lil ħuk Aron, li mhux f’kull waqt u żmien jista’ jidħol
fis-santwarju ’l ġewwa mill-velu quddiem l-għatu tal-arka, inkella jmut; għax
jien nidher fi sħaba fuq l-għatu.

3U meta Aron jidħol fis-santwarju jagħmel hekk: joffri għoġol b’purifikazzjoni u
muntun f’sagrifiċċju tal-ħruq;

4jilbes tonka mqaddsa tal-għażel, u qalziet minn taħt fuq il-laħam, terħa tal-
għażel ma’ ġenbejh, u turbant tal-għażel fuq rasu; ilbies imqaddes li jilbsu wara
li jkun inħasel fl-ilma.

5U jieħu mingħand il-ġemgħa ta’ wlied Iżrael żewġ bdabad għas-sagrifiċċju tal-
purifikazzjoni, u muntun għas-sagrifiċċju tal-ħruq.

6“U Aron iressaq l-għoġol tiegħu għall-purifikazzjoni, u jagħmel l-espjazzjoni
għalih stess u għal daru.

7Imbagħad jieħu ż-żewġ bdabad u jġibhom quddiem il-Mulej fil-bieb tat-tinda
tal-laqgħa,

8u jitfa’ x-xorti fuq iż-żewġ bdabad, waħda għall-Mulej u l-oħra għal Għażażel.

9U Aron imbagħad joffri l-bodbod li fuqu titla’ x-xorti għall-Mulej, u joffrih
b’sagrifiċċju ta’ purifikazzjoni.

10U l-bodbod għas-sagrifiċċju tal-ħruq, li tkun telgħetlu x-xorti għal Għażażel,
iżżommuh ħaj u jġibuh quddiem il-Mulej, biex jagħmlu l-espjazzjoni fuqu, u
mbagħad jitilqu għal għand Għażażel fid-deżert.

11“U mbagħad Aron joffri l-għoġol tiegħu għall-purifikazzjoni u jagħmel l-
espjazzjoni għalih u għal daru; u joqtol l-għoġol għall-purifikazzjoni tiegħu stess

12u mbagħad jieħu minn fuq l-artal iċ-ċensier mimli bil-ġamar jaqbad minn
quddiem il-Mulej, u żewġ qabdiet ta’ id inċens ifuħ, imfarrak trab, u jidħol bih ’l
hemm mill-velu.

13U jixħet l-inċens ifuħ fin-nar quddiem il-Mulej biex sħaba tgħatti l-għatu ta’ fuq
l-arka tax-xhieda miktuba, biex ma jmutx.

14U mbagħad jieħu mid-demm tal-għoġol, u jroxx b’sebgħu fuq l-għatu minn
quddiem, u jroxx id-demm b’sebgħu seba’ darbiet quddiem l-għatu.

15“Imbagħad joqtol il-bodbod tal-purifikazzjoni għall-poplu, u jidħol b’demmu ’l
ġewwa mill-velu, u jagħmel b’demmu kif għamel bid-demm tal-għoġol, u jroxxu
fuq l-għatu u quddiem l-għatu.


© 2020 Malta Bible Society.

16 U hekk inaddaf is-santwarju mit-tinġis ta' wlied Iżrael u mill-ħtijiet ta' kull
dnub tagħhom; u jagħmel l-istess lit-tinda tal-laqgħa, li tinsab f'nofshom, f'nofs
it-tingiż tagħhom.

17 Hadd ma għandu jkun fit-tinda tal-laqgħa minn xħin jidħol il-qassis biex
jagħmel l-espjazzjoni sakemm joħroġ; u jagħmel l-espjazzjoni għalih stess, għal
daru, u għall-ġemgħa kollha ta' Iżrael.

18 U joħroġ għal ħdejn l-artal li hemm quddiem il-Mulej, u jagħmel l-espjazzjoni
għalih, u jieħu minn demm l-għoġol u minn demm il-bodbod, u jqiegħed minnu
fuq il-qrun tal-artal dawramejt.

19 "U jroxx fuqu b'sebgħu mid-demm għal seba' darbiet, u jqaddsu u jnaddfu mit-
tinġis ta' wlied Iżrael.

20 "Malli jtemm l-espjazzjoni għas-santwarju, it-tinda tal-laqgħa u l-artal, iressaq
il-bodbod ħaj.

21 U jqiegħed Aron idejh it-tnejn fuq ras il-bodbod ħaj, u jistqarr fuqu l-ħażen
kollu ta' wlied Iżrael, id-dnubiet kollha tagħhom, u l-ħtijiet kollha tagħhom, u
jgħaddihom għal fuq ras il-bodbod, u jitilqu għad-deżert permezz ta' raġel
magħżul apposta.

22 U l-bodbod iġorr fuqu l-ħażen kollu f'art imwarrba u r-raġel jitlaq il-bodbod
fid-deżert.

23 "Aron imbagħad jidħol fit-tinda tal-laqgħa u jneħħi minn fuqu l-ilbies tal-
għażel li kien liebes meta daħal fis-santwarju u jħallihom hemm.

24 Jinħasel bl-ilma fil-post imqaddes u jilbes ħwejġu, imbagħad joħroġ u joffri s-
sagrifiċċju tal-ħruq tiegħu, u s-sagrifiċċju tal-ħruq tal-poplu, u jagħmel l-
espjazzjoni għalih stess u għall-poplu.

25 U x-xaħam tal-vittma tal-purifikazzjoni jaħarqu fuq l-artal.

26 U dak li jkun telaq il-bodbod għal għand Għażażel jaħsel ħwejġu, u jinħasel bl-
ilma, u mbagħad jidħol fil-kamp.

27 L-għoġol tal-purifikazzjoni u l-bodbod tal-purifikazzjoni, li demmhom kien
meħud għall-espjazzjoni fis-santwarju, jeħduhom 'il barra mill-kamp u hemm
jaħarqu bin-nar il-ġlud, il-laħam u l-ħmieġ tagħhom;

28 u min jaħraqhom jaħsel ħwejġu, u jinħasel kollu bl-ilma, u mbagħad jidħol fil-
kamp.

29 "Din tkun liġi għalikom għal dejjem: fis-seba' xahar, fl-għaxra tax-xahar,
tgħakksu ruħkom u ma tagħmlu ebda xogħol, la n-nies tal-pajjiż u lanqas il-
barranin li jkunu jgħammru f'nofskom.


© 2020 Malta Bible Society.

30Għax f’dan il-jum issir l-espjazzjoni biex titnaddfu minn kull ħtija quddiem il-Mulej.

31“Ikun mistrieħ kbir għalikom u tgħakksu ruħkom: liġi għal dejjem.

32“L-espjazzjoni jagħmilha l-qassis, li jkun midluk u kkonsagrat biex iservi ta’ qassis wara missieru; jilbes l-ilbies tal-għażel, l-ilbies ikkonsagrat,

33u jagħmel l-espjazzjoni għas-santwarju, u t-tinda tal-laqgħa, u l-artal, u jagħmilha wkoll għall-qassisin u għall-poplu tal-ġemgħa.

34“Din tkun liġi għal dejjem għalikom, biex issir l-espjazzjoni għal ulied Iżrael u jitnaddfu minn dnubiethom darba fis-sena.” U Mosè għamel skont ma kien ordnalu l-Mulej.

# Levitiku 17

### Il-liġi tal-qdusija

1U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

2“Kellem lil Aron, u ’l uliedu, u lil ulied Iżrael kollha, u għidilhom: Dan hu li jordnalkom il-Mulej:

3Kull raġel minn dar Iżrael li joqtol gendus, nagħġa, jew mogħża, ġewwa jew barra l-kamp,

4u ma jġibhiex f’bieb it-tinda tal-laqgħa b’offerta lill-Mulej quddiem l-għamara tal-Mulej, ikun ħati tad-demm, għax ikun xerred id-demm. Dan ir-raġel ikun maqtugħ mill-poplu tiegħu.

5Għalhekk ulied Iżrael għandhom iġibu l-vittmi tagħhom, li soltu joqtlu fir-raba’, u jeħduhom lill-Mulej quddiem il-bieb tat-tinda tal-laqgħa għand il-qassis, u joqtluhom u joffruhom b’sagrifiċċju tas-sliem lill-Mulej.

6U jxerred il-qassis id-demm fuq l-artal tal-Mulej, biswit il-bieb tat-tinda tal-laqgħa, u jaħraq ix-xaħam b’riħa tfuħ lill-Mulej.

7U ma joqtlux aktar il-vittmi u joffruhom lis-satiri, li marru u żnew magħhom. Din tkun liġi għal dejjem għalihom u għal nisilhom.

8“Għidilhom ukoll: Kull bniedem mid-dar ta’ Iżrael u mill-barranin, li jkunu joqogħdu f’nofskom, li jkun se joffri sagrifiċċju tal-ħruq jew xi sagrifiċċju ieħor,

9u ma jġibux quddiem il-bieb tat-tinda tal-laqgħa biex joffrih lill-Mulej, dan il-bniedem ikun maqtugħ mill-poplu tiegħu.

10“Kull bniedem mid-dar ta’ Iżrael, jew mill-barranin, li jkunu joqogħdu f’nofskom, li jieklu kull xorta ta’ demm, jien indawwar wiċċi kontra tiegħu għax ikun kiel id-demm, u naqtgħu minn nofs il-poplu tiegħu.


© 2020 Malta Bible Society.

[11]Għax ħajjet il-laħam hi fid-demm, u jien tajthulkom għal fuq l-artal biex tagħmlu bih l-espjazzjoni għalikom. Għaliex bid-demm, li hu l-ħajja, issir l-espjazzjoni.

[12]Għalhekk għedt lil ulied Iżrael: 'Ħadd minn fostkom ma għandu jiekol id-demm; u anqas il-barrani li jkun jgħammar f'nofskom ma għandu jieklu d-demm.'

[13]"Kull wieħed minn ulied Iżrael u kull barrani li jgħammar f'nofskom, li jmur għall-kaċċa u jaqbad xi bhima selvaġġa jew tajra li tista' tittiekel, għandu jxerred demmha u jgħattih bit-trab;

[14]għaliex il-ħajja tal-laħam hi fid-demm li hemm fih; għalhekk għedt lil ulied Iżrael: 'La tiklux id-demm ta' ebda laħam; għax il-ħajja ta' kull laħam hi f'demmu u min jiekol minnu jinqata' 'l barra.'

[15]"Kull bniedem, sew tal-post sew barrani, li jiekol minn bhima mejta jew żbranata, għandu jaħsel ħwejġu u jinħasel bl-ilma, u jibqa' mniġġes sa filgħaxija; u mbagħad ikun nadif.

[16]U jekk ma jaħsilx ħwejġu, u ma jinħasilx, ikun ħati ta' ħżunitu."

# Levitiku 18

### Relazzjonijiet sesswali pprojbiti

[1]Il-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

[2]"Kellem lil ulied Iżrael u għidilhom: Jiena l-Mulej Alla tagħkom.

[3]La tagħmlux bħalma jagħmlu fl-art tal-Eġittu fejn kontu tgħammru, u tagħmlux bħalma jagħmlu fl-art ta' Kangħan li se nġibkom fiha; timxux skont il-liġijiet tagħhom.

[4]Agħmlu skont id-digrieti tiegħi, u ħarsu l-liġijiet tiegħi, u imxu fuqhom. Jiena l-Mulej Alla tagħkom.

[5]Ħarsu l-liġijiet u d-digrieti tiegħi; il-bniedem li jagħmilhom ikollu l-ħajja bihom. Jiena hu l-Mulej.

[6]"Ħadd ma għandu jersaq lejn ebda qariba tiegħu biex jikxef l-għera tagħha. Jien hu l-Mulej.

[7]"La tikxifx l-għera ta' missierek, jew l-għera ta' ommok, għax dik hi ommok; la tikxfilhiex għeritha.

[8]"La tikxifx l-għera ta' mart missierek, għax dik hi l-għera ta' missierek.

[9]"La tikxifx l-għera ta' oħtok, bint missierek, jew bint ommok, imwielda d-dar jew barra.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

10“La tikxifx l-għera ta’ bint ibnek, jew bint bintek, għax hi l-għera tiegħek.

11“La tikxifx l-għera ta’ bint il-mara ta’ missierek, imwielda minn missierek, għax hi oħtok; tikxfilhiex għeritha.

12“La tikxifx l-għera ta’ oħt missierek, għax hi qariba ta’ missierek.

13“La tikxifx l-għera ta’ oħt ommok, għax hi qariba ta’ ommok.

14“La tikxifx l-għera ta’ ħu missierek, jiġifieri la tersaqx lejn martu, għax hi z-zija tiegħek.

15“Tikxifx l-għera ta’ mart ibnek, għax hi mart ibnek; tikxifx għeritha.

16“La tikxifx l-għera ta’ mart ħuk, għax hi l-għera ta’ ħuk.

17“La tikxifx l-għera ta’ mara u ta’ bintha; anqas ma għandek tieħu bint binha, jew bint bintha, għax tikxef l-għera tagħha; għax huma qraba u tkun ħaġa faħxija.

18“Tiħux b’mara ’l oħt martek b’rivali tagħha, u tikxef l-għera tagħha, meta l-oħra tkun għadha ħajja.

19“La tersaqx lejn mara mniġġsa fi żmienha, biex tikxef l-għera tagħha.

20“La timteddx mal-mara ta’ għajrek, u hekk titkasbar magħha.

21“La tħalli ’l ħadd minn nislek jgħadduh min-nar f’ġieħ Molek, u hekk ma żżeblaħx l-isem ta’ Alla tiegħek. Jiena l-Mulej.

22“La timteddx ma’ raġel, bħalma timtedd ma’ mara; għax hi ħaġa moqżieża.

23“La timtedd ma’ ebda bhima biex titkasbar magħha; u lanqas mara ma għandha tersaq quddiem bhima biex titħallat magħha, għax hi ħaġa faħxija.

24“La titkasbru b’ebda ħaġa minn dawn, għax b’dawn il-ħwejjeġ tkasbru l-ġnus li jien se nkeċċihom minn quddiemkom.

25Tkasbret l-art, u jien ikkastigajtha minħabba ħżunitha, u beżqet ’il barra lil min kien jgħammar fiha.

26“Imma intom għandkom tħarsu l-liġijiet u d-digrieti tiegħi, u ma tagħmlu xejn minn dawn il-qżiżijiet kollha, sew min hu tal-post sew il-barranin f’nofskom.

27Għaliex dawn il-qżiżijiet kollha għamluhom in-nies tal-art, li kien hemm qabilkom, u b’hekk tkasbret l-art.

28Hekk l-art ma tobżoqkomx talli tkunu kasbartuha, bħalma beżqet il-ġens ta’ qabilkom.

29Kull min jagħmel minn dawn il-qżiżijiet kollha jkun maqtugħ mill-poplu tiegħu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

30“Ħarsu mela l-preskrizzjonijiet tiegħi biex ma teħdux id-drawwiet moqżieża li kellhom in-nies ta’ qabilkom u titħammġu bihom. “Jiena l-Mulej Alla tagħkom.”

# Levitiku 19

### Preskrizzjonijiet reliġjużi u morali

1U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

2“Għid lill-ġemgħa kollha ta’ wlied Iżrael: Għandkom tkunu qaddisin, għax qaddis jien, il-Mulej Alla tagħkom.

3“Kull wieħed għandu jweġġaħ lil ommu u ’l missieru u jħares is-Sibtijiet tiegħi: Jiena l-Mulej Alla tagħkom.

4“La ddurux lejn l-allat foloz, u tagħmlux allat tal-metall imdewweb: Jiena l-Mulej Alla tagħkom.

5“Meta toffru s-sagrifiċċju tas-sliem lill-Mulej, qisu li toffruh b’mod li tkunu milqugħin tajjeb.

6Il-vittma tikluha dak in-nhar li tissagrifikawha, jew l-għada; u l-fdal minnha taħarquh bin-nar fit-tielet jum.

7Jekk tikluha fit-tielet jum, tkun ħżienet u ma tingħoġobx.

8Min jiekol jitgħabba bil-piż ta’ dnubu, għax ikun ipprofana ħaġa mqaddsa tal-Mulej, u jkun maqtugħ mill-poplu tiegħu.

9“Meta taħsdu l-ħsad ta’ artkom, tibqax sejjer taħsad sa tarf l-għalqa, u lanqas ma għandek tlaqqat li jaqa’ mill-ħsad tiegħek.

10“Ma għandekx taqta’ l-frott kollu tad-dwieli tiegħek, u la tlaqqatx li jaqa’ fl-art; ħallih għall-fqir u għall-barrani: Jiena l-Mulej Alla tagħkom.

11“La tisirqux, la tgħidux kliem b’ieħor, la tqarrqux b’xulxin.

12“La taħilfux b’ismi fil-gideb, lanqas ma għandek iżżeblaħ lil isem Alla tiegħek: Jiena l-Mulej.

13“La taħqarx lil għajrek, u lanqas tisirqu; il-ħlas tal-ħaddiem mikri ma jibqax għandek sa filgħodu.

14“La tisħetx lit-trux, u la tqegħidx tfixkil quddiem l-agħma; imma tibża’ minn Alla tiegħek: Jiena l-Mulej.

15“La tgħawwiġx fil-ħaqq li tagħmel; la tħarisx lejn wiċċ il-fqir; lanqas ma tweġġaħ lill-kbir għal wiċċu; imma tagħmel ħaqq mill-proxxmu tiegħek fis-sewwa.


© 2020 Malta Bible Society.

16“Tmurx ixxerred qlajja’ fuq niesek, u tqumx kontra demm għajrek: Jiena l-Mulej.

17“La tbejjitx lil ħuk f’qalbek, imma lil għajrek wissih u erġa’ wissih, biex ma tkunx ħati tiegħu.

18“La titħallasx b’idejk, u la żżommx f’qalbek għal ulied niesek, imma ħobb lil għajrek bħalek innifsek: Jiena l-Mulej.

19“Ħares il-liġijiet tiegħi. Il-bhejjem tiegħek iżżewwiġhomx ma’ bhejjem ta’ ġens ieħor; l-għalqa tiegħek tiżragħhiex b’żerriegħa mħallta; u tilbisx ilbies b’ħajt imħallat.

20“Jekk raġel jimtedd ma’ mara lsira, imgħarrsa ma’ raġel ieħor, bla ma tkun mifdija jew meħlusa, ikkastigahom; iżda tagħtihomx il-mewt, billi l-mara ma tkunx ħielsa.

21Ir-raġel joffri sagrifiċċju lill-Mulej b’riparazzjoni quddiem il-bieb tat-tinda tal-laqgħa; iġib muntun b’riparazzjoni.

22U l-qassis jagħmel l-espjazzjoni bil-muntun tar-riparazzjoni quddiem il-Mulej għad-dnub li jkun għamel dak li jkun, u hekk jinħafirlu dnubu.

23“Meta tkunu dħaltu fl-art u ħawwiltu siġar ta’ kull xorta ta’ ikel, il-frott tagħhom ipprojbit għalikom, bħallikieku mhux maħtun, u jibqa’ pprojbit għalikom għal tliet snin, u ma tistgħux tieklu minnu.

24Fir-raba’ sena, il-frott kollu jkun imqaddes, b’offerta f’ġieħ il-Mulej.

25Fil-ħames sena tieklu l-frott, u hekk tiżdidilkom il-ġabra: Jiena l-Mulej Alla tagħkom.

26“La tiklux laħam bid-demm. La tagħmlux taħbir jew sħarijiet.

27La taqtgħux xagħarkom dawra tond, u anqas taqtgħu truf leħjitkom.

28“Tqattgħux ġisimkom għall-mejjet, u anqas tpinġu tpinġija fuqkom: Jiena l-Mulej.

29“La tkasbarx lil bintek billi twaqqagħha fiż-żina, u hekk ma tiżnix artek u timtela bil-faħx.

30“Ħares is-Sibtijiet tiegħi, u agħti ġieħ lis-santwarju tiegħi: Jiena l-Mulej.

31“La tmurx għand is-saħħara li jsejħu l-erwieħ u la tfittxux lil min jeħber; la tiċċappsux bihom: Jiena l-Mulej Alla tagħkom.

32“Qum quddiem ix-xiħ, b’xagħru abjad, u agħtih qima u ibża’ minn Alla tiegħek: Jiena l-Mulej.

33“Jekk jiġi jgħammar miegħek f’artek il-barrani, la taħqrux.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

34Ikun għalikom il-barrani bħal wieħed ta’ ġewwa; ħobbu bħalek innifsek, għax
barranin kontu fl-art tal-Eġittu: Jiena l-Mulej Alla tagħkom.

35“La tqarraqx fil-ħaqq, fil-qjies, fl-użin u fil-kejl.

36Ikollkom miżien sewwa, piż sewwa, efa sewwa u ħinn sewwa. “Jiena l-Mulej
Alla tagħkom li ħriġtkom mill-art tal-Eġittu.

37Ħarsu l-liġijiet kollha u d-digrieti kollha tiegħi u qisu li tagħmluhom: Jiena l-
Mulej.”

## Levitiku 20

### Pieni u kastigi

1Il-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

2“Għid lil ulied Iżrael: Jekk xi ħadd minn ulied Iżrael, jew mill-barranin li
jgħammru f’Iżrael, jagħti ’l xi ħadd minn nislu lil Molek, jagħtuh il-mewt billi
jħaġġru l-poplu.

3U jien indur għalih, u neqirdu minn fost il-poplu tiegħu, għax ikun ta lil nislu lil
Molek, u niġġes is-santwarju tiegħi u pprofana l-isem qaddis tiegħi.

4U jekk il-poplu jagħlaq għajnejh għal dan il-bniedem, li jkun ta ’l nislu lil Molek,
u ma jagħtuhx il-mewt,

5nixħet jien għajnejja fuqu, u fuq niesu, u neqred lilu u lil kull min fost il-poplu
mar warajh biex jiżni wara Molek.

6‘Min imur għand is-saħħara li jsejħu l-erwieħ u għand min jeħber, biex jiżni
warajhom, indur għalih u neqirdu minn fost il-poplu.

7“Tqaddsu, u kunu qaddisin, għax jien il-Mulej Alla tagħkom.

8Ħarsu l-liġijiet tiegħi u agħmluhom: Jiena l-Mulej, li jqaddiskom.

9“Il-bniedem li jidgħi lil missieru u ’l ommu jagħtuh il-mewt; ikun ġieb il-mewt
b’idejh għax ikun dagħa lil missieru u lil ommu.

10“Il-bniedem li jiżni ma’ mart għajru jagħtuhom il-mewt, liż-żieni u liż-żienja.

11“Ir-raġel li jimtedd ma’ mart missieru, ikun kixef l-għera ta’ missieru;
joqtluhom it-tnejn; demmhom fuqhom.

12“Ir-raġel li jkun imtedd ma’ mart ibnu, jagħtuhom il-mewt it-tnejn, għax ikunu
għamlu ħaġa faħxija; demmhom fuqhom.

13“Meta raġel jimtedd ma’ raġel bħalma jimtedd ma’ mara, it-tnejn ikunu għamlu
ħaġa moqżieża: jagħtuhom il-mewt; demmhom fuqhom.


© 2020 Malta Bible Society.

14“Wieħed li jkun iżżewweġ lil mara u ’l ommha jkunu għamlu ħaġa moqżieża:
jaħarqu lilu u lilhom, u hekk ma jkunx hemm f’nofskom dan il-qżież.

15“Wieħed li jimtedd ma’ bhima jagħtuh il-mewt, u l-bhima toqtluha.

16“Mara li tersaq lejn xi bhima biex titħallat magħha, għandek toqtol lilha u l-
bhima; għandhom imutu; demmhom fuqhom.

17“Li wieħed jiżżewweġ lil oħtu, bint missieru jew bint ommu, u hu jara l-għera
tagħha u hi tara l-għera tiegħu, tkun ħaġa ta’ għajb; jinqatgħu t-tnejn minn fost
il-poplu, għax ikun kixef l-għera ta’ oħtu, u jitgħabba bil-piż ta’ dnubu.

18“Jekk wieħed jimtedd ma’ mara fi żmienha, u jikxef l-għera tagħha, hu jkun
kixef l-inxija tagħha, u hi kixfitlu l-inxija ta’ demmha; it-tnejn għandhom
jinqatgħu minn fost il-poplu.

19“La tikxifx l-għera ta’ oħt ommok jew oħt missierek, għax tkun kxift l-għera ta’
qrabatek; u jkollhom jitgħabbew bil-piż ta’ dnubhom.

20“Raġel li jimtedd mal-mara ta’ ħu missieru, ikun kixef l-għera ta’ ħu missieru;
it-tnejn jitgħabbew bil-piż ta’ dnubhom, u jmutu bla wlied.

21“Min jiżżewweġ lill-mara ta’ ħuh ikun għamel ħaġa moqżieża, għax ikun kixef
l-għera ta’ ħuh, u jibqa’ bla wlied.”

### Eżortazzjoni għall-qdusija

22“Ħarsu l-liġijiet tiegħi kollha u d-digrieti tiegħi kollha, u agħmluhom, li ma
tobżoqkomx ’il barra l-art li fiha jien se neħodkom biex tgħammru fiha.

23La timxux skont il-liġijiet tal-ġnus li jien se nkeċċi minn quddiemkom, għax dan
kollu għamluh u jien stkerrahthom.

24Imma lilkom ngħidilkom: Intom tirtu l-art tagħhom u jien nagħtihielkom biex
tirtuha, art tnixxi ħalib u għasel; jiena l-Mulej Alla tagħkom, li għażiltkom minn
fost il-ġnus.

25U intom għandkom tagħżlu bejn il-bhejjem safja u l-bhejjem imniġġsa, u bejn
it-tajr safi u t-tajr imniġġes. La titniġġsux bl-ebda bhima jew tajra jew kull ħliqa
li titkaxkar fl-art, li jien għażiltilkom bħala mniġġsin.

26U tkunu għalija qaddisin, għax qaddis jien il-Mulej, u għażiltkom minn fost il-
popli biex tkunu tiegħi.

27“Jekk xi ħadd minn fostkom, raġel jew mara, isejjaħ l-erwieħ jew jeħber,
għandhom jagħtuhom il-mewt billi jħaġġruhom; demmhom fuqhom.”

## Levitiku 21

### Il-qdusija tal-qassisin

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

1Il-Mulej kellem lil Mosè u qallu: "Kellem lill-qassisin, ulied Aron, u għidilhom: Ħadd minn niesu ma għandu jitniġġes għall-mejjet,

2ħlief għal min jiġi minnu mill-qrib, jiġifieri għal ommu, għal missieru, għal ibnu, għal bintu, għal ħuh.

3Jista' jitniġġes ukoll għal oħtu, qariba tiegħu, li tkun għadha xebba, u mhux miżżewwġa.

4Ir-raġel miżżewweġ ma għandux jitniġġes u jipprofana ruħu, minħabba nies il-mara.

5Ma għandhomx iqaxxru rashom dawra tond, u ma jaqtgħux truf leħithom, u ma jqattgħux ġisimhom.

6Għandhom ikunu qaddisin lil Alla tagħhom, u ma jipprofanawx isem Alla tagħhom, għax huma joffru s-sagrifiċċji maħruqa, ikel lil Alla tagħhom, u għalhekk għandhom ikunu qaddisin.

7Ma jeħdux b'marthom mara żienja, jew mara li tilfet xbubitha, jew inkella waħda mkeċċija minn żewġha, għaliex hu qaddis lil Alla tiegħu;

8u ta' qaddis għandek iżżommu, għax hu joffri l-ikel ta' Alla tiegħek. Qaddis ikun għalik, għax qaddis jien il-Mulej, li nqaddiskom.

9U bint qassis li titkasbar biż-żina u bil-prostituzzjoni, tkun qiegħda tipprofana lil missierha, u għandhom jaħarquha bin-nar.

10"Il-qassis il-kbir fost ħutu, dak li kien imsawwab iż-żejt tal-konsagrazzjoni fuq rasu, u mogħtija lilu s-setgħa li jilbes l-ilbies sagru, ma għandux iħabbel xagħar rasu, u anqas iċarrat ilbiesu.

11"Ma għandu jersaq lejn ebda mejjet, u ma għandux jitniġġes, lanqas għal missieru jew ommu.

12Ma għandux joħroġ mis-santwarju u lanqas jipprofana s-santwarju ta' Alla tiegħu, għaliex għandu fuqu ż-żejt tal-konsagrazzjoni ta' Alla tiegħu: Jiena l-Mulej.

13"Għandu jiżżewweġ xebba.

14Ma għandux jieħu armla, jew mara mkeċċija minn żewġha, jew waħda mkasbra biż-żina; imma għandu jieħu xebba minn niesu.

15U ma jipprofanax lil nislu fost niesu: Jiena l-Mulej li nqaddsu."

### Il-qassis għandu jkun bla tebgħa

16U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

17"Kellem lil Aron u għidlu: Ħadd minn nislek fil-ġenerazzjonijiet kollha tagħhom, li jkollu xi difett, ma għandu jersaq biex joffri l-ikel lil Alla.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

18Ħadd li jkollu xi difett: agħma, zopp, wiċċu sfigurat, għaġeb,

19riġlu jew idu miksura,

20ħotbi, qerqni, bil-bjada f'għajnejh, b'mard tal-ġilda, bil-ħakk, b'testikoli mgħaffġa.

21Ħadd minn nisel Aron il-qassis, li jkollu xi difett bħal dan, ma għandu jersaq joffri s-sagrifiċċji maħruqa lill-Mulej. Min għandu xi difett ma għandux joffri l-ikel ta' Alla tiegħu.

22Iżda jista' jiekol l-ikel ta' Alla tiegħu, ħwejjeġ qaddisa u mill-aktar imqaddsa.

23Imma ma jidħolx 'il ġewwa mill-velu, u lanqas ma għandu jersaq lejn l-artal, għax għandu difett u ma għandux jipprofana s-santwarju tiegħi. Jiena l-Mulej li nqaddishom."

24Dan qal Mosè lil Aron u lil uliedu, u lil ulied Iżrael kollha.

## Levitiku 22

### Min jgħix mill-artal

1Il-Mulej kellem lil Mosè u qallu

2"Għid lil Aron u lil uliedu, li jżommu 'l bogħod mill-ħwejjeġ imqaddsa li wlied Iżrael jikkonsagraw lili, u ma jipprofanawx l-isem qaddis tiegħi: Jiena l-Mulej.

3Għidilhom: Jekk xi ħadd minn uliedkom jersaq lejn il-ħwejjeġ qaddisa li jikkonsagraw ulied Iżrael lill-Mulej, meta jkun imniġġes, dan il-bniedem jitwarrab minn quddiemi: Jiena l-Mulej.

4"Ħadd minn nisel Aron li jkollu l-ġdiem jew xi nxija ma għandu jiekol mill-offerti mqaddsa sakemm ma jitnaddafx; lanqas min ikun mess xi ħaġa mniġġsa b'ġisem mejjet, jew li kellu tixrid iż-żerriegħa,

5jew ikun mess xi ħanex li jniġġsu, jew xi bniedem li jista' jitniġġes minnu, tkun xi tkun l-inġiesa.

6Min imiss xi ħaġa minn dawn jibqa' mniġġes sa filgħaxija, u ma jistax jiekol mill-offerti mqaddsa, jekk ma jinħasilx.

7Meta tkun niżlet ix-xemx u jkun tnaddaf, imbagħad jiekol mill-offerti mqaddsa, għax huma iklu.

8Bhejjem mejta jew żbranati ma jikolx, inkella jitniġġes bihom: Jiena l-Mulej.

9"Ħa jħarsu l-preskrizzjonijiet tiegħi, u ma jitgħabbewx bi dnubhom, u jmutu bih għax ikunu pprofanaw l-ikel: Jiena l-Mulej li nqaddishom.


© 2020 Malta Bible Society.

10“L-ebda bniedem profan ma għandu jiekol mill-offerti mqaddsa, u lanqas ma għandu jiekol minnhom min joqgħod ma’ qassis jew ħaddiem mikri.

11Jekk qassis jixtri xi bniedem bi flusu, dan jista’ jiekol minnu; jistgħu jieklu wkoll minn ħobżu l-imweldin f’daru.

12U bint il-qassis, li tkun miżżewġa lil wieħed profan, ma tistax tiekol mill-offerta qaddisa.

13U bint il-qassis, li tkun armla jew imkeċċija, u ma jkollhiex tfal, u tkun reġgħet lura għand missierha, bħal meta kienet xebba, tista’ tiekol minn ikel missierha; imma l-ebda profan ma jista’ jiekol minnu.

14“Min jiekol xi ħaġa mill-ikel imqaddes bi żball, għandu jroddha lill-qassis b’kemm tiswa u jżid mill-ħamsa waħda.

15Il-qassisin ma għandhomx jipprofanaw l-offerti mqaddsa li wlied Iżrael jagħmlu lill-Mulej;

16u jgħabbuhom bid-dnub, li jkollhom iħallsu għalih, talli jkunu kielu l-ikel imqaddes tagħhom: Jiena l-Mulej li nqaddishom.”

### Is-sagrifiċċji

17U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

18“Kellem lil Aron, lil uliedu u lil ulied Iżrael kollha, u għidilhom: Meta wieħed minn dar Iżrael, jew xi barrani li jkunu f’nofs Iżrael, ikun irid jagħmel sagrifiċċju b’wegħda jew b’devozzjoni, bħalma meta joffru s-sagrifiċċji tal-ħruq lill-Mulej,

19biex jingħoġbu, għandhom joffru vittma li tkun raġel, bla difett, mill-baqar, min-nagħaġ, jew mill-mogħoż.

20Kulma jkun b’xi nuqqas toffruhx, għax ma jkunilkomx mogħġub.

21Meta wieħed joffri sagrifiċċju tas-sliem lill-Mulej biex itemm xi wegħda jew b’devozzjoni, għandu joffri xi vittma mill-baqar, jew min-nagħaġ, bla difett, biex tingħoġob; ma għandu jkollha ebda nuqqas.

22Għomja, mifluġin, immankati, miġruħa b’mard tal-ġilda jew bil-ħakk jew bil-ħżież, la toffruhomx lill-Mulej; la taħarqux minnhom fuq artal il-Mulej.

23Toffrux gendus, jew ħaruf, kbir jew żgħir iżżejjed; tista’ toffrih b’devozzjoni, iżda mhux b’wegħda, għax ma jingħoġobx.

24Bhima b’testikoli mgħattnin jew misħuqin, maqlugħin jew maqtugħin, la toffrihiex lill-Mulej. F’artkom ma għandkomx tagħmlu dan.

25Lanqas ma għandkom teħduhom mingħand il-barranin, u toffruhom b’ikel lil Alla tagħkom. Għax huma mmankati, u fihom l-għajb, u għalhekk intom ma tingħoġbux.”


© 2020 Malta Bible Society.

26 U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

27 “Għoġol, ħaruf jew gidi, malli jitwieled, jibqa’ sebat ijiem ma’ ommu. Mit-tmien jum ’il quddiem jista’ jkun milqugħ b’offerta għas-sagrifiċċju tal-ħruq lill-Mulej.

28 La toqtolx baqra jew nagħġa, u l-ferħ tagħhom, fl-istess jum.

29 Meta toffru sagrifiċċju ta’ radd il-ħajr lill-Mulej, qisu li toffruh b’mod li intom tingħoġbu quddiemu;

30 kuluh dak in-nhar stess, u tħallu xejn minnu għall-għada: Jiena l-Mulej.

31 “Ħarsu l-ordnijiet tiegħi u agħmluhom: Jiena l-Mulej.

32 “Tipprofanawx l-isem qaddis tiegħi, u jien nitqaddes fost ulied Iżrael: Jiena l-Mulej li nqaddiskom,

33 li ħriġtkom mill-art tal-Eġittu, biex inkun Alla tagħkom: Jiena l-Mulej.”

# Levitiku 23

### Il-festi: il-ħarsien tas-Sibt

1 U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

2 “Kellem lil ulied Iżrael u għidilhom: Il-festi tal-Mulej, li intom tniedu, il-laqgħat imqaddsa, dawn huma festi tiegħi.

3 Għal sitt ijiem tagħmel ix-xogħol tiegħek, u fis-seba’ jum ikun is-Sibt tal-mistrieħ u l-laqgħa mqaddsa; ebda xogħol ma tagħmlu, għax hu l-mistrieħ tal-Mulej, kull fejn tkunu tgħammru.

4 Dawn huma l-festi tal-Mulej, il-laqgħat imqaddsa li għandkom tniedu fi żmienhom.

### Il-festa tal-Għid

5 “Fl-ewwel xahar, fl-erbatax tax-xahar, filgħaxija bejn ħajta dawl u oħra dlam, l-Għid tal-Mulej.

6 U fil-ħmistax-il jum tal-istess xahar issir il-festa tal-ħobż ażżmu lill-Mulej; għal sebat ijiem tieklu ħobż bla ħmira.

7 Fl-ewwel jum ikollkom il-laqgħa mqaddsa, u ma tagħmlu ebda xogħol.

8 Għal sebat ijiem toffru sagrifiċċju tal-ħruq lill-Mulej, u fis-seba’ jum issir laqgħa mqaddsa u ma tagħmlu ebda xogħol.”

9 U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

10 “Kellem lil ulied Iżrael u għidilhom: Meta tidħlu fl-art li jien se nagħtikom u taħsdu l-ħsad, ġibu l-ewwel qatta tal-ħsad lill-qassis.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

11U hu jxejjirha quddiem il-Mulej, biex togħġbuh; ixejjirha l-għada tas-Sibt.

12Dak in-nhar li l-qassis ixejjer il-qatta tagħkom, intom toffru ħaruf, tas-sena, bla
difett, b'sagrifiċċju tal-ħruq lill-Mulej,

13bl-offerta tal-qmuħ miegħu ta' żewġ għexur ta' efa dqiq miblul fiż-żejt, biex
jinħaraq b'riħa tfuħ lill-Mulej u tiswiba ta' libazzjoni ta' kwart ta' ħinn inbid.

14Ħobż u qamħ inkaljat jew nej ma tiklux f'dan il-jum, qabel ma ġġibu l-offerta
ta' Alla tagħkom. Din hi liġi għal dejjem għall-ġenerazzjonijiet kollha kull fejn
tkunu."

### Għid il-Ħamsin

15"Għoddu seba' ġimgħat sħaħ mill-għada tas-Sibt, u minn meta tkunu offrejtu l-
qatta u xejjirtuha quddiem il-Mulej.

16Tgħoddu ħamsin jum sal-għada tas-seba' Sibt; imbagħad iġġibu offerta ġdida
tal-qamħ lill-Mulej.

17Minn kull fejn tgħammru ġġibu żewġ ħobżiet għat-tixjir, ta' żewġ għexur ta' efa
dqiq moħmija bil-ħmira, bħala offerta tal-bikri lill-Mulej.

18U toffru wkoll mal-ħobż sebat iħrief bla difett, tas-sena, u għoġol, u żewġ
bdabad għal sagrifiċċju tal-ħruq lill-Mulej; u offerta tal-qmuħ u tiswiba
magħhom; ħruq b'riħa tfuħ lill-Mulej.

19Toffru wkoll bodbod b'sagrifiċċju tal-purifikazzjoni, u żewġt iħrief tas-sena
b'sagrifiċċju tas-sliem.

20U l-qassis ixejjirhom flimkien mal-ħobż tal-bikri u maż-żewġt iħrief, tixjira
quddiem il-Mulej; u jkunu mqaddsin lill-Mulej, u jibqgħu għall-qassis.

21Dak in-nhar stess issejħu u jkollkom laqgħa mqaddsa; ma tagħmlu ebda
xogħol. Liġi għal dejjem għall-ġenerazzjonijiet kollha kull fejn tkunu.

22"Meta taħsdu l-ħsad ta' artkom, tibqax sejjer taħsad sa tarf l-għalqa, u la
tlaqqatx li jaqa' mill-ħsad tiegħek; ħallih għall-fqir u għall-barrani: Jiena l-Mulej
Alla tagħkom."

### L-ewwel tas-sena ċivili

23U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

24"Kellem lil ulied Iżrael u għidilhom: Fis-seba' xahar, fl-ewwel tax-xahar,
ikollkom mistrieħ kbir, taħbira bit-trombi u laqgħa mqaddsa.

25Ma tagħmlu ebda xogħol iebes, u toffru sagrifiċċju tal-ħruq lill-Mulej."

### Jum l-Espjazzjoni

26U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

27“Fl-għaxra ta’ dan is-seba’ xahar ikun Jum l-Espjazzjoni; ikollkom laqgħa mqaddsa, u tgħakksu ruħkom, u toffru sagrifiċċju tal-ħruq lill-Mulej.

28Ma tagħmlu ebda xogħol dak in-nhar; għaliex hu jum l-espjazzjoni, meta ssir l-espjazzjoni għalikom quddiem il-Mulej Alla tagħkom.

29Kull min ma jitgħakkisx dak in-nhar jinqata’ ’l barra mill-poplu tiegħu.

30U kull min jagħmel xi xogħol dak in-nhar neqirdu mill-poplu tiegħu.

31La tagħmlu ebda xogħol. Din hi liġi għal dejjem għall-ġenerazzjonijiet kollha kull fejn tkunu tgħammru.

32Ikollkom il-mistrieħ tas-Sibt u titgħakksu; fid-disa’ jum tax-xahar filgħaxija, minn filgħaxija sa filgħaxija, tieħdu l-mistrieħ tagħkom.”

### Il-festa tal-Għerejjex

33U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

34“Kellem lil ulied Iżrael u għidilhom: Fil-ħmistax ta’ dan is-seba’ xahar, tagħmlu l-festa tal-Għerejjex għal sebat ijiem f’ġieħ il-Mulej.

35“Fl-ewwel jum ikollkom laqgħa mqaddsa; ma tagħmlu ebda xogħol.

36Għal sebat ijiem toffru s-sagrifiċċju tal-ħruq lill-Mulej; fit-tmien jum ikollkom laqgħa mqaddsa; dak in-nhar toffru sagrifiċċju tal-ħruq lill-Mulej; tkun laqgħa solenni, ma tagħmlu ebda xogħol dak in-nhar.

37“Dawn huma l-festi tal-Mulej li għandkom tniedu, u fihom tagħmlu l-laqgħat imqaddsa, u toffru lill-Mulej il-vittmi bin-nar; is-sagrifiċċji tal-ħruq, l-offerti tal-qmuħ, sagrifiċċji u tiswib, kull ħaġa fil-jum tagħha,

38barra mis-Sibtijiet tal-Mulej, u barra mill-għotjiet tagħkom, u l-wegħdiet tagħkom u l-offerti ta’ devozzjoni, li tkunu tridu tagħtu lill-Mulej.

39“Fil-ħmistax tas-seba’ xahar, meta tkunu ġbartu l-frott tal-art, tagħmlu l-festa tal-Mulej għal sebat ijiem, bil-mistrieħ tas-Sibt fl-ewwel u fit-tmien jum.

40Fl-ewwel jum tieħdu l-frott ta’ siġar sbieħ, friegħi tal-palm friegħi tas-siġar ħodor, żafżâf tax-xmara, u tifirħu quddiem il-Mulej Alla tagħkom għal sebat ijiem.

41U tagħmlu festa f’ġieħ il-Mulej ta’ sebat ijiem fis-sena. Din hi liġi għal dejjem għall-ġenerazzjonijiet kollha tagħkom. Tagħmluha fis-seba’ xahar tas-sena.

42Tgħammru fl-għerejjex għal sebat ijiem; kull min twieled f’Iżrael jgħammar fl-għarix,

43biex ikunu jafu dawk li jiġu warajkom li wlied Iżrael kienu jgħammru fl-għerejjex meta jien ħriġthom mill-art tal-Eġittu: Jiena l-Mulej Alla tagħkom.”


© 2020 Malta Bible Society.

44U Mosè nieda l-festi tal-Mulej lil ulied Iżrael.

# Levitiku 24

### L-imnara u l-ħobż tal-preżenza

1U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

2“Ordna lil ulied Iżrael iġibulek żejt pur taż-żebbuġ misħuq għall-imnara, biex
tixgħel l-imsiebaħ kuljum.

3Aron imbagħad iħejjih bl-ordni ’l barra mill-velu, quddiem ix-xhieda miktuba
fit-tinda tal-laqgħa, minn filgħaxija sa filgħodu quddiem il-Mulej, kuljum; din hi
liġi għal dejjem għall-ġenerazzjonijiet kollha tagħkom.

4Jieħu ħsieb kuljum l-imsiebaħ fuq l-imnara nadifa quddiem il-Mulej.

5“Ħu wkoll dqiq fin u aħbeż tnax-il ftira, b’żewġ għexur ta’ efa dqiq il-waħda.

6Qegħedhom f’żewġ ringieli, sitta kull waħda, fuq il-mejda tad-deheb fin
quddiem il-Mulej.

7Roxx inċens pur fuq ir-ringieli, u jkun fuq il-ħobż bħal tifkira, li tinħaraq f’ġieħ
il-Mulej.

8Kull nhar ta’ Sibt iqegħduhom bl-ordni dejjem quddiem il-Mulej, patt għal
dejjem għal ulied Iżrael.

9Imbagħad ikunu ta’ Aron u ta’ wliedu, u jikluhom f’post imqaddes, għax hi ħaġa
mill-aktar qaddisa li tmiss lilu bi dritt mill-offerti tal-ħruq lill-Mulej għal dejjem.”

### Kastigi għall-midgħi bl-Isem tal-Mulej

10Kien hemm wieħed bin mara Iżraelija u raġel Eġizzjan; u dan ħareġ f’nofs ulied
Iżrael. U ġġieldu fil-kamp bin il-mara Iżraelija u raġel minn Iżrael.

11U bin l-Iżraelija dagħa bl-Isem u seħtu; imbagħad ġibuh quddiem Mosè. Ommu
kien jisimha Selomit bint Dibri, mit-tribù ta’ Dan.

12U ħallewh fl-għassa, sakemm il-Mulej jurihom x’kellhom jagħmlu.

13U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

14“Oħroġ lil dak il-midgħi barra mill-kamp, u jqiegħdu idejhom fuq rasu dawk
kollha li semgħuh jidgħi, u l-poplu kollu jħaġġru.

15Imbagħad kellem lil ulied Iżrael u għidilhom: Kull min jisħet lil Alla tiegħu,
jitgħabba bil-piż ta’ dnubu,

16u min jidgħi b’isem il-Mulej jagħtuh il-mewt, u tħaġġru l-ġemgħa kollha, sew
jekk ikun barrani, sew jekk ikun mill-pajjiż; kull min jidgħi bl-Isem jagħtuh il-
mewt.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

17“Kull min jaħbat għal bniedem u joqtlu, jagħtuh il-mewt.

18U kull min jaħbat għal bhima, iroddha, ħajja b’ħajja.

19Min jagħmel xi ħsara lil għajru, jagħmlulu bħalma jkun għamel hu;

20ksur bi ksur, għajn b’għajn, sinna b’sinna; il-ħsara li jkun għamel lil ħaddieħor,
jagħmluha lilu.

21Min joqtol bhima, iroddha; u min joqtol bniedem jagħtuh il-mewt.

22Liġi waħda jkollkom sew għall-barrani u sew għan-nies mill-pajjiż; għax jiena
l-Mulej Alla tagħkom.”

23U meta Mosè kellem lil ulied Iżrael, ħarġu lill-midgħi barra l-kamp, u ħaġġruh.
Hekk għamlu wlied Iżrael, skont ma kien ordna l-Mulej lil Mosè.

## Levitiku 25

### Is-sena tal-mistrieħ

1U l-Mulej kellem lil Mosè fuq il-muntanja Sinaj u qallu:

2“Kellem lil ulied Iżrael u għidilhom: Meta tidħlu fl-art li jien se nagħtikom,
ikollha l-art is-Sibt tagħha, il-mistrieħ tagħha f’ġieħ il-Mulej:

3sitt snin tiżra’ r-raba’ tiegħek, u sitt snin tiżbor id-dwieli tiegħek, u tiġbor il-
frott tagħhom.

4Imma fis-seba’ sena l-art ikollha l-mistrieħ tas-Sibt, mistrieħ f’ġieħ il-Mulej: la
tiżrax ir-raba’ tiegħek, la tiżborx id-dwieli tiegħek.

5Dak li jinbet minn fdal il-ħsad tiegħek la tiġbrux, u l-għeneb tad-dwieli li ma
tkunx żbart, la taqtgħux. Għax hi s-sena tal-mistrieħ tas-Sibt tal-art.

6Imma dak li trodd l-art fil-mistrieħ tagħha, tistgħu tikluh; int, il-qaddej u l-
qaddejja tiegħek, il-ħaddiem mikri tiegħek, il-barranin li jkunu miegħek,

7il-bhejjem tad-dar u l-bhejjem selvaġġi. Kulma trodd jista’ jittiekel.

### Is-sena tal-ġublew

8“Imbagħad tgħodd seba’ ġimgħat ta’ snin, seba’ snin għal seba’ darbiet, li jġibu
disgħa u erbgħin sena.

9U ddoqq it-tromba fl-għaxra tas-seba’ xahar, f’jum l-espjazzjoni, u ssemmgħu t-
trombi ma’ artkom kollha.

10Tqaddsu intom il-ħamsin sena u tniedu l-ħelsien fl-art lil kull min jgħammar
fiha. Tkun is-sena tal-ġublew għalikom: kull wieħed jerġa’ għal li kellu u għal ma’
niesu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

11 Tkun għalikom il-ħamsin sena, is-sena tal-ġublew; la tiżirgħu u lanqas taħsdu milli tnibbet l-art, u anqas tiġbru l-għeneb mid-dwieli bla żbir.

12 Għax hu żmien il-ġublew, żmien li għandkom tqaddsu, u tieklu mir-raba' dak li trodd l-art.

13 "F'din is-sena tal-ġublew kulħadd jerġa' lura għal li kellu.

14 Meta tbigħ lil għajrek, jew tixtri mingħandu, tagħfsux lil xulxin.

15 Skont l-għadd tas-snin mill-aħħar ġublew tixtri mingħand għajrek, skont is-snin tal-għadd tal-uċuħ tar-raba' tiegħek ibegħlek.

16 Aktar ma jkun fadal snin, aktar iżżid fil-ħlas; u inqas ma jkun fadal snin, inqas tħallas, għax għadd ta' wċuħ ikun qiegħed ibegħlek.

17 La tagħfsux wieħed lil ieħor, u ibżgħu minn Alla tagħkom, għax jien il-Mulej Alla tagħkom.

18 Agħmlu l-liġijiet u ħarsu d-digrieti tiegħi; agħmluhom, u tgħammru fl-art b'moħħkom mistrieħ.

19 U l-art trodd il-frott tagħha, u tieklu sa tixbgħu, u tgħammru fiha b'moħħkom mistrieħ.

20 Tistgħu tgħiduli: 'X'se nieklu fis-seba' sena? Għax, ara, la sa niżirgħu u anqas naħsdu.'

21 Imma jien ngħidilkom: 'Nibagħtilkom il-barka tiegħi fis-sitt sena, u troddilkom frott għal tliet snin.'

22 Imbagħad tiżirgħu fit-tmien sena, u tieklu mill-frott ta' qabel sad-disa' sena sakemm jilħaq il-frott tagħha.

23 "L-art, imbagħad, ma għandhiex tinbiegħ għal dejjem, għax l-art hi tiegħi, u intom qiskom frustieri jew qegħdin miegħi.

24 Imma fl-art kollha li tkun tagħkom, ħallu fuq l-art li tinbiegħ id-dritt tal-fidwa.

25 Jekk jiftaqar ħuk, u dan ibigħ xi sehem mir-raba' tiegħu, jekk imbagħad jiġi xi qarib tiegħu bid-dritt tal-fidwa, dan jista' jifdi dak li jkun biegħ ħuk.

26 U min ma jkollux qarib bid-dritt tal-fidwa, imma jkun faddal kemm tiswa l-fidwa tagħha,

27 jgħodd is-snin minn meta jkun biegħ, u jrodd il-bqija lil min ikun biegħ, u jerġa' għall-proprjetà tiegħu.

28 Imma jekk ma jkollux biżżejjed biex iroddlu, l-art mibjugħa tibqa' għand ix-xerrej sas-sena tal-ġublew, u meta jibda l-ġublew, il-bejjiegħ jerġa' jieħu l-proprjetà tiegħu.


© 2020 Malta Bible Society.

29“Meta xi ħadd ibigħ dar abitabbli f’belt bis-swar, jibqagħlu d-dritt tal-fidwa sa tmiem is-sena, minn mindu jkun biegħ; u jkollu żmien sena biex jifdiha.

30U jekk id-dar ma tinfediex qabel ma tintemm is-sena sħiħa, id-dar li tkun f’belt bis-swar tibqa’ għal dejjem għand ix-xerrej u għal ta’ warajh, u ma toħroġx ħielsa fil-ġublew.

31Id-djar li jkunu fl-irħula miftuħa bla swar madwarhom, jitqiesu bħar-raba’ tal-art; ikollhom fuqhom id-dritt tal-fidwa u fil-ġublew joħorġu ħielsa.

32“Imma l-ibliet tal-Leviti, u d-djar li jkollhom fihom, jibqgħalhom dejjem fuqhom id-dritt tal-fidwa.

33Jekk xi ħadd ikun xtara dar mingħand il-Leviti, id-dar li tkun inbiegħet fil-belt ta’ wirthom toħroġ ħielsa fil-ġublew, għax il-Leviti m’għandhomx proprjetà f’nofs Iżrael ħlief id-djar ta’ bliethom.

34U anqas ma għandu jinbiegħ ir-raba’ ta’ madwar il-bliet tagħhom, għax dan hu proprjetà tagħhom għal dejjem.

35“Jekk jiftaqar ħuk u jiġi b’xejn, int għandek tgħinu, bħalma tgħin lill-barrani jew lill-frustier; u hu jgħix miegħek.

36Teħodlux imgħax, u anqas żjieda fuq is-self; imma ibża’ minn Alla tiegħek u jgħix ħuk miegħek.

37Tisilfux flusek bl-imgħax, u anqas tagħtih l-ikel tiegħek bi ħlas żejjed:

38Jiena l-Mulej Alla tiegħek, li ħriġtek mill-art tal-Eġittu, biex nagħtikom l-art ta’ Kangħan, u nkun Alla tagħkom.

39“Jekk jiftaqar ħuk miegħek u jkollu jinbiegħ lilek, la tħaddmux xogħol ta’ lsir.

40Ikun miegħek bħal ħaddiem imħallas, jew bħal barrani li qiegħed miegħek, u jaħdimlek sas-sena tal-ġublew.

41U joħroġ mingħandek, hu u wliedu miegħu, u jerġa’ lura lejn niesu u l-proprjetà ta’ missirijietu.

42Għax huma l-ilsiera tiegħi, li ħriġthom mill-art tal-Eġittu, u ma għandhomx jinbiegħu bħala lsiera.

43La taħkmux bl-aħrax, imma ibża’ minn Alla.

44“L-ilsiera, irġiel jew nisa, li jkollkom, tixtruhom mingħand il-ġnus ta’ madwarkom;

45u minn fost ulied il-barranin li jkunu magħkom, u minn nieshom li jgħammru magħkom u twieldu f’artkom tistgħu tixtru, u jkunu proprjetà tagħkom.


© 2020 Malta Bible Society.

46U tistgħu tħalluhom b'wirt lil uliedkom warajkom biex ikunu proprjetà
tagħhom għal dejjem: taħdmu bihom. Imma fuq ħutkom, ulied Iżrael, ma
għandkomx taħkmu bl-aħrax, wieħed fuq l-ieħor.

47"Jekk jistagħna l-barrani, jew il-frustier, li jkun miegħek, u jiddejjen miegħu
ħuk, u dan jinbiegħ lill-barrani, jew lill-frustier, li jkun miegħek, jew lil xi ħadd
minn nisel barrani,

48wara li jkun inbiegħ jibqagħlu d-dritt tal-fidwa; ikun jista' jifdih xi ħadd minn
ħutu,

49jew zijuh, jew kuġinuh, jew xi ħaddieħor minn niesu; jew jekk jistagħna hu
stess, jifdi lilu nnifsu.

50Jibda jgħodd is-snin, hu u x-xerrej, mis-sena meta nbiegħ sas-sena tal-ġublew,
u l-ħlas tal-bejgħ ikun skont dawn is-snin; ikun il-ħlas għalih daqs il-ħlas ta'
ħaddiem imħallas għall-istess żmien.

51Jekk ikun għad fadal ħafna snin, iħallas fuqhom għall-fidwa tiegħu mill-flus li
jkun mixtri bihom.

52Jekk ikun fadal ftit snin sal-ġublew, jgħoddhom, u fuqhom iħallas għall-fidwa
tiegħu.

53Ikun miegħu bħal ħaddiem imħallas, sena b'sena, u m'għandux jaħkmu bl-
aħrax taħt għajnejk.

54Jekk b'danakollu ma jkunx mifdi, joħroġ ħieles fis-sena tal-ġublew, hu u wliedu
miegħu.

55"Għaliex ulied Iżrael huma lsiera tiegħi, ilsiera li jien ħriġt mill-art tal-Eġittu.
Jiena l-Mulej Alla tagħkom."

# Levitiku 26

### Il-barka għal min iħares il-liġi

1"Tagħmlux allat foloz, twaqqfux xbihat jew plieri; ebda ħaġra maħduma ma
tagħmlu f'artkom biex tadurawha: Jiena l-Mulej Alla tagħkom.

2"Ħarsu s-Sibtijiet imqaddsa tiegħi u weġġħu s-santwarju tiegħi: Jiena l-Mulej.

3"Jekk timxu skont il-liġijiet tiegħi u tħarsu l-kmandamenti tiegħi u tagħmluhom,

4nagħtikom ix-xita f'waqtha u l-art trodd l-uċuħ tagħha, u s-siġar tar-raba' l-frott
tagħhom.

5Għalikom id-dris jilħaq ġbir l-għeneb; u ġbir l-għeneb jilħaq żmien iż-żrigħ,
ħobżkom sax-xaba' tieklu u tgħammru b'moħħkom mistrieħ f'artkom.


© 2020 Malta Bible Society.

6Nagħtikom is-sliem fl-art, u torqdu bla biża' ta' ħadd; neqred il-bhejjem feroċi
mill-art, u x-xabla ma tgħaddix minn artkom.

7U tagħmlu għal wara l-għedewwa tagħkom, u jaqgħu quddiemkom bix-xabla.

8Hamsa minnkom iħarrbu mija, u mija minnkom iħarrbu għaxart elef u jaqgħu
quddiemkom l-għedewwa tagħkom bix-xabla.

9Indur lejkom, inkattarkom u nkabbarkom, u nżomm il-patt tiegħi magħkom.

10Tieklu mill-ħażna l-qadima, u tarmu l-qadim għax jilħaq il-ġdid.

11U nwaqqaf l-għamara tiegħi f'nofskom, u ma nistmellkomx.

12U nitlajja f'nofskom u nkun Alla tagħkom, u intom tkunu l-poplu tiegħi.

13Jiena Alla tagħkom li ħriġtkom mill-art tal-Eġittu, biex ma tkunux ilsiera
tagħhom, u kissirt l-irbit tal-madmad tagħkom u mexxejtkom b'raskom
merfugħa.

### Kastigi għall-ħżiena

14"Jekk ma tisimgħux minn kliemi, u ma tagħmlux dawn l-ordnijiet kollha,

15jekk tmaqdru l-liġijiet tiegħi, u tistmellu d-digrieti tiegħi, u ma tagħmlux il-
kmandamenti tiegħi, u tiksru l-patt tiegħi,

16jien nagħmel l-istess magħkom u nibagħtilkom għal għarrieda biża' kbir, mard
irqiq, u deni li jkiddulkom għajnejkom u jifnulkom ħajjitkom. Għalxejn tiżirgħu,
għax il-miżrugħ tagħkom jikluh l-għedewwa tagħkom.

17Indawwar wiċċi kontrikom, u jħarbtukom l-għedewwa tagħkom, u
jaħkmukom dawk li jobogħdukom, u taħarbu bla ma ħadd ikun ġej warajkom.

18"Jekk b'danakollu ma tisimgħux minni, inkompli nikkastigakom għal seba'
darbiet aktar minn dnubietkom.

19U nkisser il-qawwa u s-suppervja tiegħek, u nagħmel smewwietek bħall-ħadid,
u artek bħall-bronż.

20Saħħtek tisfa' fix-xejn, u artek ma troddx l-uċuħ tagħha, u s-siġar tar-raba' ma
jagħtux il-frott tagħhom.

21U jekk tkomplu teħduha miegħi, u ma tkunux tridu tisimgħu minni, inżid id-
daqqa għal seba' darbiet aktar minn dnubietkom.

22U nitlaq f'nofskom il-bhejjem selvaġġi, u jneżżgħukom minn uliedkom, u
jeqirdulkom il-bhejjem tagħkom, u lilkom iġibukom fix-xejn, u triqatkom isiru
deżert.

23U jekk b'danakollu ma titrażżnux quddiemi, u tibqgħu żżommuli iebes,


© 2020 Malta Bible Society.

24 jiena wkoll inżommilkom iebes u nidrobkom ukoll għal seba’ darbiet aktar minn dnubietkom.

25 U nġib kontrikom ix-xabla biex titħallas tal-ksur tal-patt; tinġabru fi blietkom u nibagħtilkom il-pesta, u tintelqu f’idejn l-għedewwa.

26 Naqtgħalkom il-ħobż li jgħajjixkom, u għaxar nisa jaħmu ħobżkom f’kenur wieħed, u jrodduhulkom bl-użin, u tieklu bla ma tixbgħu.

27 “U jekk ma tisimgħux lanqas b’dan, u tibqgħu żżommuli iebes,

28 jien niqfilkom bil-qilla tiegħi u nikkastigakom seba’ darbiet aktar minn dnubietkom.

29 U tieklu l-laħam ta’ wliedkom, il-laħam tas-subien u l-bniet tagħkom.

30 “Is-santwarji tal-għoljiet tagħkom inġarrafhom, u nħott l-artali tal-inċens tagħkom, nitfa’ fuqhom l-iġsma tagħkom fuq ix-xbihat imfarrka tagħkom, u tistmellhom ruħi.

31 U nagħmel minn blietkom ħerba, u neqred l-imqades tagħkom, u ma nxommx ir-riħa tal-bħur tagħkom.

32 Nagħmel ħerba mill-art, u jistagħġbu biha l-għedewwa tagħkom li jgħammru fiha.

33 U lilkom inxerred fost il-ġnus, u nislet ix-xabla għal warajkom, u artkom issir deżert u blietkom ħerba.

34 “Imbagħad tifraħ l-art bis-sibtijiet tagħha, sakemm iddum imħarbta u intom f’art l-għedewwa tagħkom; tistrieħ l-art u titgħaxxaq bis-sibtijiet tagħha.

35 Tistrieħ kemm iddum il-ħerba, talli ma streħitx f’sibtijietek meta kontu tgħammru fiha intom.

36 Dawk li jibqa’ minnkom, nimlielhom qalbhom b’biża’ kbir f’art l-għedewwa tagħkom, u jaħarbu mal-ħoss taċ-ċaqliq ta’ werqa, u jaħarbu bħalma jaħarbu quddiem ix-xabla, u jaqgħu fuq xulxin bla ma ħadd jiġri warajhom.

37 Jitfixklu wieħed f’ieħor bħal quddiem ix-xabla bla ma ħadd jiġri warajhom, u ħadd minnkom ma jieqaf lill-għedewwa.

38 Tintilfu fost il-ġnus u tiblagħkom art l-għedewwa tagħkom.

39 U dawk li jifdal minnkom jinfnew bi ħżunithom f’art l-għedewwa tagħkom u minħabba dnubiet missirijiethom bħalhom jintemmu.

40 “Meta jistqarru dnubiethom u dnubiet missirijiethom li għamlu b’għemilhom kontra tiegħi, u talli baqgħu jżommuli iebes,


© 2020 Malta Bible Society.

41hekk li jiena wkoll kelli nżommilhom iebes, u nġibhom f'art l-għedewwa tagħhom; u meta titrattab il-qalb iebsa tagħhom u jħallsu minn qalbhom għal ħtijiethom;

42imbagħad jien niftakar fil-patt tiegħi ma' Ġakobb, u l-patt tiegħi ma' Iżakk; u niftakar fil-patt tiegħi ma' Abraham, u niftakar fl-art ukoll.

43Imma qabel ikollhom iħallu l-art, u din tifraħ bis-sibtijiet tagħha fil-ħerba tagħha minħabba fihom, u huma jħallsu minn qalbhom għal ħtijiethom, talli warrbu l-liġijiet u stmerrew l-ordnijiet tiegħi.

44"Madankollu lanqas meta jkunu f'art l-għedewwa tagħhom ma nitlaqhom jew nistmerrhom; ma nasalx biex neqridhom, u nikser il-patt tiegħi magħhom: Jiena l-Mulej Alla tagħhom.

45"Niftakar minħabba fihom fil-patt ma' missirijiethom, li jien kont ħriġt l-ewwel mill-art tal-Eġittu taħt għajnejn il-ġnus, biex jien inkun Alla tagħhom: Jiena l-Mulej."

46Dawn huma l-kmandamenti, il-preċetti u liġijiet li waqqaf il-Mulej bejnu u bejn ulied Iżrael fuq il-muntanja tas-Sinaj permezz ta' Mosè.

## Levitiku 27

### Il-wegħdi u l-għexur

1U kellem il-Mulej lil Mosè u qallu:

2"Kellem lil ulied Iżrael u għidilhom: Meta xi ħadd jagħmel wegħda lill-Mulej b'kemm tiswa ħajja ta' bniedem,

3iqis ħamsin xekel tal-fidda skont ix-xekel tas-santwarju għal raġel bejn l-għoxrin u s-sittin sena;

4u għal mara, tletin xekel;

5u għal raġel bejn il-ħames snin u l-għoxrin, għoxrin xekel; u għal mara, għaxar xwiekel;

6għal raġel minn xahar sa ħames snin, ħames xwiekel, u mara, tliet xwiekel tal-fidda;

7u għal raġel ta' sittin sena u fuqhom, ħmistax-il xekel, u għal mara, għaxar xwiekel.

8Jekk ikun fqir, u ma jiflaħx iħallas, jippreżenta ruħu quddiem il-qassis, u jara l-qassis kemm ikun jiswa; u l-qassis jistmah skont ma jkun jiflaħ min jagħmel il-wegħda.


© 2020 Malta Bible Society.

9“Jekk tkun bhima li tista’ tingħata lill-Mulej b’sagrifiċċju, kulma jingħata minnha lill-Mulej ikun ikkonsagrat.

10Ma tistax tingħata ħaġa b’oħra, lanqas tinbidel ħaġa tajba f’waħda ħażina, u lanqas ħażina f’waħda tajba; jekk wieħed jibdilha, bhima b’bhima, il-waħda u l-oħra jkunu kkonsagrati.

11Jekk tkun bhima mniġġsa li ma tistax tingħata b’offerta lill-Mulej, jippreżentaw il-bhima quddiem il-qassis.

12U hu, tajba jew ħażina, jistmaha; u kemm jistmaha l-qassis, daqshekk tkun tiswa.

13U jekk wieħed ikun irid jifdiha, iżid mill-ħamsa waħda ma’ kemm tkun tiswa.

14“Meta wieħed jikkonsagra daru u jqaddisha lill-Mulej, jistmaha l-qassis, tajba jew ħażina; u kemm jistmaha l-qassis, daqshekk tkun tiswa.

15U jekk min jikkonsagraha jkun irid jifdiha, iżid mill-ħamsa waħda mal-flus li tkun tiswa, u tkun tiegħu.

16“Jekk wieħed jikkonsagra xi ħaġa mill-wirt tar-raba’ tiegħu lill-Mulej, inti tistmaha skont kemm tieħu żerriegħa, ħamsin xekel tal-fidda għal kull ħomer żerriegħa tax-xgħir.

17Jekk jikkonsagra l-għalqa tiegħu mis-sena tal-ġublew, il-ħlas jibqa’ sħiħ kif ikun.

18Imma jekk jikkonsagraha wara s-sena tal-ġublew, il-qassis jgħoddlu l-flus skont is-snin li jkun baqa’ għas-sena tal-ġublew; u dan jitnaqqas mill-prezz li tkun tiswa.

19U jekk ikun irid jifdi l-għalqa li jkun ikkonsagra, iżid mill-ħamsa waħda ma’ kemm tkun stmajtha, u tkun tiegħu.

20U jekk ma jifdix l-għalqa u jbigħha lil ħaddieħor, ma tkunx tista’ tinfeda aktar.

21U meta toħroġ l-għalqa ħielsa fis-sena tal-ġublew, din tkun ikkonsagrata lill-Mulej, bħall-art li tkun imwarrba u kkonsagrata lill-Mulej, u ssir propjetà tal-qassis.

22“Jekk xi ħadd jikkonsagra lill-Mulej art li jkun xtara, u mhux mir-raba’ li jkun wiret,

23il-qassis jistmaha kemm tiswa sas-sena tal-ġublew, u jagħti kemm tkun tiswa dakinhar, u tkun ikkonsagrata lill-Mulej.

24Fis-sena tal-ġublew l-għalqa terġa’ lura għand min ikun xtraha mingħandu, jiġifieri għand sid l-art.

25Kull stima ssir skont ix-xekel tas-santwarju, għoxrin gera x-xekel.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

26“Ħadd ma jista’ jikkonsagra lill-Mulej l-ewwel ferħ tal-bhejjem, għax dan hu l-
bikri tal-Mulej, sew jekk ikun tal-baqar, sew tan-nagħaġ, għax dan hu diġà tal-
Mulej.

27Jekk tkun bhima mniġġsa jifdiha b’kemm tkun tiswa u jżid mill-ħamsa waħda
ma’ prezzha; u jekk ma jifdihiex tinbiegħ b’kemm tistmaha.

28Ebda ħaġa li wieħed ikun warrab minn kulma jkollu - bniedem, bhima, raba’ li
jkun wiret - ma tista’ tinbiegħ jew tinfeda; kull ħaġa mwarrba tkun mill-aktar
sagra lill-Mulej.

29L-ebda bniedem imwarrab ma jista’ jinfeda, iżda għandhom jagħtuh il-mewt.

30“L-għexur kollha tal-uċuħ tal-art, mill-qmuħ tar-raba’ u mill-frott tas-siġar,
huma tal-Mulej u kkonsagrati lill-Mulej.

31U jekk wieħed ikun irid jifdi xi ħaġa minnhom, iżid mill-ħamsa waħda
magħhom.

32L-għexur tal-baqar u tal-imrieħel huma dawn: l-għaxar ferħ minn kull għaxra,
li jgħaddu minn taħt il-ħatar, ikun ikkonsagrat lill-Mulej.

33Ma joqgħodx jara jekk ikunx tajjeb jew ħażin; u ma jibdlux; u jekk jibdlu, it-
tnejn, sew il-wieħed u sew l-ieħor, ikunu kkonsagrati lill-Mulej, u ma jistgħux
jinfdew.”

34Dawn huma l-ordnijiet li ordna l-Mulej lil Mosè għal ulied Iżrael fuq il-
muntanja tas-Sinaj.


© 2020 Malta Bible Society.

# Numri

## Numri 1

### Iċ-ċensiment tal-poplu

[1]Il-Mulej kellem lil Mosè fid-deżert tas-Sinaj, fit-tinda tal-laqgħa, fl-ewwel jum tat-tieni xahar, fit-tieni sena mill-ħruġ tagħhom mill-art tal-Eġittu u qallu:

[2]"Għoddu l-ġemgħa kollha ta' Iżrael skont il-familji u d-djar ta' missirijietkom, u għoddu l-irġiel kollha, wieħed wieħed, b'isimhom,

[3]minn għoxrin sena 'l fuq, 'il dawk kollha fost Iżrael tajbin għall-gwerra. Tgħodduhom qatgħa qatgħa, int u Aron.

[4]Magħkom ikun hemm ukoll wieħed minn kull tribù, li jkun il-kap ta' dar missirijietu.

[5]"Dawn huma l-ismijiet tal-irġiel li joqogħdu magħkom: Elisur bin Sedewr mit-tribù ta' Ruben;

[6]Selumjel bin Surisaddaj mit-tribù ta' Simgħon;

[7]Naħson bin Għamminadab mit-tribù ta' Ġuda;

[8]Natanjel bin Sugħar mit-tribù ta' Issakar;

[9]Elijab bin Ħelon mit-tribù ta' Żebulun;

[10]Elisama bin Għammiħud mit-tribù ta' Efrajm u Gamaljel bin Pedaħsur mit-tribù ta' Manassi, ulied Ġużeppi;

[11]Abidan bin Gidegħoni mit-tribù ta' Benjamin;

[12]Aħigħeżer bin Għammisaddaj mit-tribù ta' Dan;

[13]Paggħijel bin Għokran mit-tribù ta' Aser;

[14]Eljasaf bin Degħwel mit-tribù ta' Gad;

[15]Aħira bin Għenan mit-tribù ta' Naftali."

[16]Dawn kienu l-magħżulin fost il-ġemgħa, il-prinċpijiet tat-tribujiet ta' missirijiethom, il-kapijiet tal-eluf ta' Iżrael.

[17]Mosè u Aron ħadu lil dawn in-nies li semmew b'isimhom,

[18]u sejħu lill-ġemgħa kollha fl-ewwel jum tat-tieni xahar, u għaddew u kitbu b'isimhom lil dawk kollha li kellhom minn għoxrin sena 'l fuq, wieħed wieħed, skont il-familji u d-djar ta' missirijiethom.

[19]Għaddhom Mosè fid-deżert tas-Sinaj, kif kien ordnalu l-Mulej.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

20Għaddew in-nisel ta' Ruben, l-iben il-kbir ta' Iżrael: il-lista tat-tribù ta' Ruben
magħduda wieħed wieħed, skont il-familji u d-djar ta' missirijiethom, bl-isem ta'
kull raġel minn għoxrin sena 'l fuq, tajjeb għall-gwerra,

21kienet tgħodd sitta u erbgħin elf u ħames mitt ruħ.

22Għaddew in-nisel ta' Simgħon: magħduda wieħed wieħed, skont il-familji u d-
djar ta' missirijiethom, bl-isem ta' kull raġel minn għoxrin sena 'l fuq, tajjeb
għall-gwerra,

23kienet tgħodd disgħa u ħamsin elf u tliet mitt ruħ.

24Għaddew in-nisel ta' Gad: il-lista tat-tribù ta' Gad, magħduda wieħed wieħed,
skont il-familji u d-djar ta' missirijiethom, bl-isem ta' kull raġel minn għoxrin
sena 'l fuq, tajjeb għall-gwerra,

25kienet tgħodd ħamsa u erbgħin elf u sitt mija u ħamsin ruħ.

26Għaddew in-nisel ta' Ġuda: il-lista tat-tribù ta' Ġuda, magħduda wieħed
wieħed, skont il-familji u d-djar ta' missirijiethom, bl-isem ta' kull raġel minn
għoxrin sena 'l fuq, tajjeb għall-gwerra,

27kienet tgħodd erbgħa u sebgħin elf u sitt mitt ruħ.

28Għaddew in-nisel ta' Issakar: il-lista tat-tribù ta' Issakar, magħduda wieħed
wieħed, skont il-familji u d-djar ta' missirijiethom, bl-isem ta' kull raġel minn
għoxrin sena 'l fuq, tajjeb għall-gwerra,

29kienet tgħodd erbgħa u ħamsin elf u erba' mitt ruħ.

30Għaddew in-nisel ta' Żebulun: il-lista tat-tribù ta' Żebulun, magħduda wieħed
wieħed, skont il-familji u d-djar ta' missirijiethom, bl-isem ta' kull raġel minn
għoxrin sena 'l fuq, tajjeb għall-gwerra,

31kienet tgħodd sebgħa u ħamsin elf u erba' mitt ruħ.

32Għaddew in-nisel ta' Ġużeppi: il-lista tat-tribù ta' Efrajm, magħduda wieħed
wieħed, skont il-familji u d-djar ta' missirijiethom, bl-isem ta' kull raġel minn
għoxrin sena 'l fuq, tajjeb għall-gwerra,

33kienet tgħodd erbgħin elf u ħames mitt ruħ;

34u l-lista tat-tribù ta' Manassi, magħduda wieħed wieħed skont il-familji u d-
djar ta' missirijiethom, bl-isem ta' kull raġel minn għoxrin sena 'l fuq, tajjeb
għall-gwerra,

35kienet tgħodd tnejn u tletin elf u mitejn ruħ.

36Għaddew in-nisel ta' Benjamin: il-lista tat-tribù ta' Benjamin, magħduda
wieħed wieħed, skont il-familji u d-djar ta' missirijiethom, bl-isem ta' kull raġel
minn għoxrin sena 'l fuq, tajjeb għall-gwerra,

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

37kienet tgħodd ħamsa u tletin elf u erba' mitt ruħ.

38Għaddew in-nisel ta' Dan: il-lista tat-tribù ta' Dan, magħduda wieħed wieħed, skont il-familji u d-djar ta' missirijiethom, bl-isem ta' kull raġel minn għoxrin sena 'l fuq, tajjeb għall-gwerra,

39kienet tgħodd tnejn u sittin elf u seba' mitt ruħ.

40Għaddew in-nisel ta' Aser: it-tribù ta' Aser, magħduda wieħed wieħed, skont il-familji u d-djar ta' missirijiethom, bl-isem ta' kull raġel minn għoxrin sena 'l fuq, tajjeb għall-gwerra,

41kienet tgħodd wieħed u erbgħin elf u ħames mitt ruħ.

42Għaddew it-tribù ta' Naftali: il-lista tat-tribù ta' Naftali, magħduda wieħed wieħed, skont il-familji u d-djar ta' missirijiethom, bl-isem ta' kull raġel minn għoxrin sena 'l fuq, tajjeb għall-gwerra,

43kienet tgħodd tlieta u ħamsin elf u erba' mitt ruħ.

44Dawn kienu l-listi li għamlu Mosè u Aron u t-tnax-il prinċep ta' Iżrael, wieħed għal kull dar.

45L-għadd kollu ta' wlied Iżrael magħdudin skont id-djar ta' missirijiethom, l-irġiel minn għoxrin sena 'l fuq, tajbin għall-gwerra,

46kien jilħaq sitt mija u tlitt elef, ħames mija u ħamsin ruħ.

### Is-servizz tal-Leviti

47Il-Leviti ma għaddewhomx magħhom skont id-djar ta' missirijiethom,

48għax il-Mulej kien kellem lil Mosè u qallu:

49"Biss it-tribù ta' Levi tagħmilx lista tiegħu u tgħoddux ma' wlied Iżrael.

50Ħalli fi ħsieb il-Leviti t-tabernaklu tax-xhieda miktuba, u t-tagħmir kollu tiegħu, u kulma hemm fih. Huma jġorru t-tabernaklu u t-tagħmir tiegħu kollu; iservu fit-tabernaklu u jwaqqfu t-tined tagħhom madwar it-tabernaklu.

51Kull meta jenħtieġ iġorru t-tabernaklu, għandhom iħottuh il-Leviti; u meta jkun jenħtieġ iwaqqfu t-tabernaklu, jarmawh il-Leviti; kull profan li jersaq jagħtuh il-mewt.

52"Ulied Iżrael iwaqqfu l-kampijiet tagħhom, kulħadd f'postu, kulħadd taħt l-istendard tiegħu, qatgħa qatgħa.

53Iżda l-Leviti jwaqqfu t-tined tagħhom madwar it-tabernaklu tax-xhieda miktuba biex ma tiġri ebda ħsara lil ulied Iżrael, u l-Leviti jgħassu mat-tabernaklu tax-xhieda miktuba."

54Ulied Iżrael għamlu kulma ordna l-Mulej lil Mosè, kollox kif kien ordnalu.


© 2020 Malta Bible Society.

# Numri 2

### It-tqassim tal-kamp

1Il-Mulej kellem lil Mosè u lil Aron u qalilhom:

2"Kulħadd taħt l-istendard tiegħu, u l-arma ta' dar missirijiethom. Ulied Iżrael għandhom iwaqqfu l-kamp tagħhom madwar it-tinda tal-laqgħa.

3In-naħa tal-Lvant ikun hemm l-istendard ta' Ġuda skont il-qtajja' tagħhom, u l-kap tagħhom ikun Naħson bin Għamminadab.

4Il-qatgħa tiegħu tkun tgħodd erbgħa u sebgħin elf u sitt mitt ruħ.

5"Ħdejn it-tribù ta' Ġuda jkun hemm it-tribù ta' Issakar, u l-kap tagħhom ikun Natanjel bin Sugħar.

6Il-qatgħa tagħhom tkun ta' erbgħa u ħamsin elf u erba' mija.

7It-tribù ta' Żebulun u l-kap tagħhom Elijab bin Ħelon.

8Il-qatgħa tiegħu tkun tgħodd sebgħa u ħamsin elf u erba' mija.

9Il-kamp ta' Ġuda, magħdud skont il-qtajja' tiegħu, ikun fih b'kollox mija u sitta u tmenin elf u erba' mija. Dawn jimxu quddiem.

10"Fuq in-naħa tan-Nofsinhar ikun hemm l-istendard tal-kamp ta' Ruben skont il-qtajja' tagħhom. Il-kap tagħhom ikun Elisur bin Sedewr;

11il-qatgħa tagħhom ikun fiha sitta u erbgħin elf u ħames mija.

12Ħdejhom ikun hemm it-tribù ta' Simgħon, u l-kap tagħhom Salamjel bin Surisaddaj.

13Il-qatgħa tagħhom ikun fiha disgħa u ħamsin elf u tliet mija.

14It-tribù ta' Gad bil-kap tiegħu Eljasaf bin Regħwel.

15Il-qatgħa tagħhom ikun fiha ħamsa u erbgħin elf u sitt mija u ħamsin.

16Il-kamp ta' Ruben ikun fih b'kollox mija u wieħed u ħamsin elf u erba' mija u ħamsin ruħ skont il-qtajja' tagħhom. Dawn jimxu t-tieni.

17"Imbagħad jimxi t-tabernaklu tal-laqgħa, bil-kamp tal-Leviti f'nofs il-kampijiet l-oħra, kif ikunu mqassmin fil-kamp kollu. Kulħadd fit-taqsima tiegħu taħt l-istendard tiegħu.

18"Fuq in-naħa tal-Punent ikun hemm it-tribù ta' Efrajm skont il-qatgħa tagħhom. Il-kap tagħhom ikun Elisama bin Għammiħud.

19Il-qtajja' tagħhom ikun fihom erbgħin elf u ħames mija.


© 2020 Malta Bible Society.

[20]Ħdejhom ikun hemm it-tribù ta’ Manassi, u l-kap tagħhom ikun Gamaljel bin Pedaħsur,

[21]u l-qtajja’ tagħhom ikun fihom tnejn u tletin elf u mitejn.

[22]It-tribù ta’ Benjamin u l-kap tagħhom Abidan bin Gidegħoni

[23]u l-qtajja’ tagħhom ħamsa u tletin elf u erba’ mija.

[24]Il-kamp ta’ Efrajm ikun jgħodd mija u tmint elef u mitt ruħ skont il-qtajja’ tagħhom. Dawn jimxu t-tielet.

[25]“Lejn it-Tramuntana mbagħad ikun hemm it-tribù ta’ Dan skont il-qtajja’ tagħhom, u l-kap tagħhom Aħigħeżer bin Għammisaddaj.

[26]Il-qtajja’ tagħhom ikun fihom tnejn u sittin elf u seba’ mija.

[27]Ħdejhom ikun hemm il-kamp ta’ Aser u l-kap tagħhom ikun Paggħijel bin Għokran.

[28]Il-qatgħa tagħhom ikun fiha wieħed u erbgħin elf u ħames mija.

[29]Imbagħad it-tribù ta’ Naftali u l-kap tagħhom Aħira bin Għenan,

[30]u l-qatgħa tagħhom ikun fiha tlieta u ħamsin elf u erba’ mija.

[31]Il-qtajja’ tal-kamp ta’ Dan mija u sebgħa u ħamsin elf u sitt mija. Dawn jimxu l-aħħar taħt l-istendard tagħhom.”

[32]Dan hu l-għadd ta’ wlied Iżrael skont id-djar ta’ missirijiethom. Il-kamp kollu skont il-qtajja’ tagħhom kien fih sitt mija u tlitt elef ħames mija u ħamsin ruħ.

[33]Il-Leviti ma kinux magħduda ma’ wlied Iżrael, kif kien ordna l-Mulej lil Mosè.

[34]U wlied Iżrael għamlu skont ma l-Mulej ordna lil Mosè. Hekk kienu jikkampjaw u hekk jimxu, kulħadd taħt l-istendard tiegħu skont il-familja u dar missirijietu.

# Numri 3

### Ulied Aron u dmirijiethom

[1]Dawn kienu l-ġenerazzjonijiet ta’ Aron u Mosè, meta l-Mulej kellem lil Mosè fuq il-muntanja Sinaj.

[2]L-ismijiet ta’ wlied Aron kienu dawn: Nadab, il-kbir, Abiħu, Elgħażar u Itamar,

[3]l-ismijiet ta’ wlied Aron, li kienu midlukin u kkonsagrati biex iservu ta’ qassisin.

[4]Imma Nadab u Abiħu mietu quddiem il-Mulej meta offrewlu nar profan fid-deżert ta’ Sinaj; dawn tfal ma kellhomx. Għalhekk kienu jservu ta’ qassisin Elgħażar u Itamar taħt għajnejn Aron missierhom.

[5]U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu:


© 2020 Malta Bible Society.

6“Ressaq it-tribù ta’ Levi biex iservu lil Aron, il-qassis.

7U jieħdu ħsieb kulma jeħtieġlu u kulma jkun hemm bżonn għal-laqgħa quddiem it-tinda tal-laqgħa, fis-servizz li għandu jsir fit-tabernaklu.

8Jieħdu ħsieb it-tagħmir tat-tinda tal-laqgħa u ta’ kulma jenħtieġ għal ulied Iżrael fis-servizz fit-tabernaklu.

9U inti tagħti l-Leviti lil Aron u lil uliedu: tagħtihomlu minn fost ulied Iżrael għalkollox.

10U ’l Aron u ’l uliedu tagħżilhom biex iservu ta’ qassisin, u jekk xi profan ieħor jindaħal, ikun ħaqqu l-mewt.”

11U kellem il-Mulej lil Mosè u qallu:

12“Arani, jien għażilt lil-Leviti minn fost ulied Iżrael minflok l-ewwel tifel imwieled minn kull mara fost ulied Iżrael. Hekk il-Leviti jkunu tiegħi.

13Għaliex tiegħi sar kull tifel, li jitwieled l-ewwel minn kull mara, dak in-nhar li jien qridt l-ulied il-kbar fl-art tal-Eġittu. Jien ikkonsagrajt għalija kulma jitwieled l-ewwel fost Iżrael, sew bniedem sew bhima. “Tiegħi jkunu: Jiena l-Mulej.”

14U l-Mulej kellem lil Mosè fid-deżert tas-Sinaj u qallu:

15“Għodd lil ulied Levi skont il-familji tagħhom, skont djar missirijiethom; għodd l-irġiel kollha minn xahar ’il fuq.”

16U Mosè għaddhom skont ma qallu u kkmandah il-Mulej.

17Dawn kienu wlied Levi b’isimhom: Gersun, Keħat u Merari.

18Ulied Gersun, skont il-familji tagħhom kienu: Libni u Simgħi.

19Ulied Keħat skont il-familji tagħhom kienu: Għamram u Isħir, Hebron u Għużżijel.

20Ulied Merari skont il-familji tagħhom: Maħli u Musi. Dawn kienu l-familji ta’ Levi skont id-djar ta’ missirijiethom.

21Minn Gersun kienet ġejja l-familja ta’ Libni u l-familja ta’ Simgħi. Dawn huma l-familji tal-Gersunin,

22u l-għadd ta’ rġiel fosthom minn xahar ’il fuq kien sebat elef u ħames mija.

23Il-familji tal-Gersunin kellhom il-kamp tagħhom in-naħa tal-Punent wara t-tabernaklu;

24u l-kap tad-dar tal-Gersunin kien Eljasaf bin Lajel.

25Fis-servizz tagħhom fit-tinda tal-laqgħa kellhom jieħdu ħsieb tat-tabernaklu, u t-tinda, u l-purtiera tal-bieb tat-tinda tal-laqgħa, u


© 2020 Malta Bible Society.

26d-drapp tal-bitħa, u l-purtiera fi dħul il-bitħa madwar it-tinda, u l-artal, u l-
bqija tat-tagħmir kollu għas-servizz tiegħu.

27Il-familji ġejjin minn Keħat kienu: il-familja tal-Għamramin, u l-familja tal-
Isħarin, u l-familja tal-Ħebronin, u l-familja tal-Għużżijelin. Dawn huma l-familji
tal-Keħatin.

28L-għadd tal-irġiel minn xahar ’il fuq: tmint elef u sitt mija. Kellhom jieħdu ħsieb
il-post qaddis.

29Il-familji ta’ wlied Keħat kellhom il-kamp ħdejn it-tabernaklu n-naħa ta’
Nofsinhar.

30U l-kap tad-dar ta’ Keħat kien Elisafan bin Għużżijel.

31Kellhom jieħdu ħsieb l-arka, u l-mejda, u l-imnara, u l-artal, u t-tagħmir għas-
servizz fis-santwarju, u l-velu, u kulma kien meħtieġ għalih.

32Il-kap fuq il-kapijiet l-oħra kollha tat-tribù ta’ Levi kien Elgħażar bin Aron, il-
qassis, li kien magħżul fuq dawk kollha li kellhom jieħdu ħsieb is-santwarju.

33Il-familji ta’ Merari kienu: il-familja ta’ Maħli u l-familja ta’ Musi. Dawn huma
l-familji ta’ Merari.

34L-għadd tal-irġiel minn xahar ’il fuq kien ta’ sitt elef u mitejn.

35U l-kap tal-familja ta’ Merari kien Surjel bin Abiħajil; u kellhom il-kamp ħdejn
it-tabernaklu fuq in-naħa tat-Tramuntana.

36Ulied Merari kellhom jieħdu ħsieb it-twavel tat-tinda, u t-traversi, u l-pilastri,
u l-imqagħad tagħhom, u t-tagħmir kollu tagħhom u kulma kien jenħtieġ,

37il-pilastri tal-bitħa u l-imqagħad kollha tagħhom, l-imsiemer u l-ventijiet
tagħhom.

38Mosè u Aron u wliedu kellhom il-kamp tagħhom u t-tabernaklu fuq in-naħa
tal-Lvant. Kellhom jieħdu ħsieb is-santwarju u ħsieb ulied Iżrael. Il-bniedem
profan li kien jersaq ’l hemm kien ikun ħaqqu l-mewt.

39Il-Leviti, li għaddew Mosè u Aron, skont l-ordni tal-Mulej, familja familja, l-
irġiel kollha minn xahar ’il fuq, kienu jlaħħqu l-għadd ta’ tnejn u għoxrin elf ruħ.

### Għadd l-imweldin l-ewwel

40U l-Mulej qal lil Mosè: “Għodd l-imweldin l-ewwel kollha fost l-irġiel ta’ wlied
Iżrael minn xahar ’il fuq, u ħu l-għadd kollu ta’ ismijiethom.

41Hu għalija - Jiena l-Mulej - il-Leviti minflok l-imweldin l-ewwel ta’ wlied Iżrael;
u l-bhejjem tal-Leviti minflok l-imweldin l-ewwel tal-bhejjem ta’ wlied Iżrael.”

42Mosè għadd l-imweldin l-ewwel ta’ wlied Iżrael skont ma ordnalu l-Mulej.


© 2020 Malta Bible Society.

43U l-irġiel kollha mweldin l-ewwel, minn xahar 'il fuq, magħduda b'isimhom, kienu tnejn u għoxrin elf u mitejn u tlieta u sebgħin ruħ.

44U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

45"Ħu l-Leviti minflok l-imweldin l-ewwel ta' wlied Iżrael, u l-bhejjem tal-Leviti minflok il-bhejjem tagħhom. Il-Leviti jkunu tiegħi: Jiena l-Mulej.

46U bi prezz għall-fidwa tal-mitejn u tlieta u sebgħin imwieled l-ewwel ta' wlied Iżrael, li jibqgħu żejda fuq l-għadd tal-Leviti,

47ħu ħames xwiekel għal kull ras - ix-xekel ikun ta' għoxrin uqija daqskemm jiswa x-xekel tas-santwarju.

48Int tagħti dawn il-flus lil Aron u lil uliedu b'fidwa ta' dawk li baqgħu żejda."

49U Mosè ħa l-flus tal-fidwa ta' dawk li baqgħu żejda wara l-fidwa tal-Leviti.

50Mill-imweldin l-ewwel ta' wlied Iżrael ħa s-somma ta' elf tliet mija u ħamsa u sittin xekel, daqskemm jiswa xekel tas-santwarju.

51U Mosè ta l-flus ta' dawk li kienu mifdija lil Aron u wliedu, skont ma ordnalu l-Mulej.

# Numri 4

### Dmirijiet oħra tal-Leviti

1U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

2"Għodd lil ulied Keħat, minn fost ulied Levi, skont il-familji tagħhom u d-djar ta' missirijiethom,

3l-irġiel kollha bejn it-tletin u l-ħamsin sena, biex jagħtu s-servizz tagħhom fit-tinda tal-laqgħa.

### Ulied Keħat

4"U dan hu s-servizz ta' wlied Keħat fit-tinda tal-laqgħa fil-ħwejjeġ l-aktar qaddisa.

5Kull meta jkun se jiċċaqlaq il-kamp, jidħlu Aron u wliedu, u jniżżlu l-velu, u jkebbu fih l-arka tax-xhieda miktuba,

6u jqiegħdu fuqha għata tal-ġild tad-denfil u fuq dan biċċa drapp kollu vjola, imbagħad idaħħlu l-lasti f'posthom.

7Jifirxu biċċa drapp vjola fuq il-mejda tal-ħobż tal-preżenza u jqiegħdu fuqha l-platti, l-imgħaref, il-kwies u l-bwieqi għat-tiswib tal-libazzjonijiet; u fuqha jkun hemm il-ħobż tal-preżenza għal dejjem.


© 2020 Malta Bible Society.

[8]U fuq kollox jifirxu biċċa drapp aħmar skarlatt, u jkebbuha b'għata tal-ġild tad-denfil, u jpoġġu l-lasti f'posthom.

[9]Jieħdu biċċa drapp vjola u jgħattu biha l-imnara, l-imsiebaħ, l-imqassijiet, u l-bwieqi tagħha, u l-għodda kollha taż-żejt, meħtieġa għas-servizz tagħha;

[10]ikebbuha bit-tagħmir kollu tagħha f'għata tal-ġild tad-denfil.

[11]U jifirxu wkoll fuq l-artal tad-deheb biċċa drapp vjola, u jkebbuh fil-ġild tad-denfil, u jqiegħdu l-lasti tiegħu f'posthom.

[12]"Jieħdu t-tagħmir kollu tas-servizz fis-santwarju, u jkebbuh f'biċċa drapp vjola, jgħattuh bil-ġild tad-denfil, u jqegħduh fuq il-lasti tal-ġarr.

[13]U jnaddfu l-artal mill-irmied, u jixħtu fuqu biċċa drapp tal-porpra,

[14]u jqiegħdu fuqu t-tagħmir kollu tiegħu għas-servizz, it-twaġen għall-ġamar, l-imqassijiet, il-pwali, il-bwieqi u t-tagħmir kollu tal-artal, u jgħattu kollox b'biċċa ġild tad-denfil u jqiegħdu l-lasti f'posthom.

[15]"Meta Aron u wliedu jkunu għattew is-santwarju u t-tagħmir kollu tas-santwarju, meta jkun se jiċċaqlaq il-kamp, jersqu wlied Keħat, u jerfgħuhom, bla ma jmissuhom, inkella jmutu. Dan li kellhom jagħmlu wlied Keħat, fil-ġarr tat-tinda tal-laqgħa.

[16]"Elgħażar bin Aron, il-qassis, għandu jieħu ħsieb iż-żejt għall-mixegħla, l-inċens ifuħ, l-offerta ta' kuljum, u ż-żejt tal-konsagrazzjoni; għandu jieħu ħsieb it-tabernaklu kollu, u kulma kien hemm fih, bis-santwarju u t-tagħmir kollu tiegħu."

[17]U l-Mulej kellem lil Mosè u 'l Aron u qalilhom:

[18]"Tħallux li n-nisel tal-familji tal-Keħatin jintemm minn nofs il-Leviti.

[19]Imma biex jibqgħu ħajjin u ma jmutux meta jersqu lejn l-aktar ħwejjeġ qaddisa, agħmlilhom hekk: L-ewwel jidħol Aron u wliedu, u lil kull wieħed jagħtuh ix-xogħol tiegħu u jgħidulu x'għandu jġorr.

[20]Il-Keħatin stess ma għandhomx jidħlu u jaraw, imqar għal waqt wieħed biss, is-santwarju: inkella jmutu."

### Ulied Gersun

[21]Il-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

[22]"Għodd lil ulied Gersun skont djar missirijiethom u l-familji tagħhom.

[23]Għodd lil dawk kollha minn tletin sena 'l fuq sal-ħamsin, tajbin għall-gwerra, biex jagħmlu xi servizz fit-tinda tal-laqgħa.

[24]Dan li għandhom jagħmlu l-familji tal-Gersunin fis-servizz u fil-ġarr:


© 2020 Malta Bible Society.

25iġorru d-drapp tat-tabernaklu u t-tinda tal-laqgħa, l-għata tal-ġild tad-denfil mifrux fuqu, il-velu fi dħul it-tinda tal-laqgħat;

26id-drapp tal-bitħa, u l-purtiera tal-bieb tal-bitħa ta' madwar it-tabernaklu u l-artal, il-ventijiet, u t-tagħmir kollu għas-servizz tagħhom; u jagħmlulhom kulma jkun jenħtieġ.

27"Is-servizz kollu tal-Gersunin, x'għandhom iġorru u x'għandhom jagħmlu, ikun kollu taħt il-ħarsien ta' Aron u wliedu; intom tgħidulhom x'għandhom jerfgħu biċċa biċċa.

28Dan hu xogħol il-familji ta' wlied Gersun fit-tinda tal-laqgħa: taħt il-ħarsien ta' Itamar bin Aron, il-qassis.

## Ulied Merari

29"Għodd ukoll lil ulied Merari skont il-familji u djar missirijiethom;

30tgħodd l-irġiel kollha minn tletin sena'l fuq sal-ħamsin, tajbin għall-gwerra, biex jagħmlu xi servizz fit-tinda tal-laqgħa.

31U dan hu x-xogħol tagħhom fil-ġarr u s-servizz fit-tinda tal-laqgħa; it-tavlar tat-tinda, it-traversi, il-pilastri, l-imqagħad tagħhom;

32il-pilastri tal-bitħa dawramejt bl-imqagħad tagħhom, l-imsiemer u l-ventijiet u t-tagħmir kollu tagħhom għall-ħtiġiet tagħhom. Tgħidilhom b'isimhom il-ħwejjeġ kollha li għandhom jieħdu ħsieb iġorru.

33"Dan hu x-xogħol tal-familji ta' wlied Merari skont is-servizz tagħhom fit-tinda tal-laqgħa, taħt il-ħarsien ta' Itamar bin Aron, il-qassis."

## Iċ-ċensiment tal-Leviti

34Għaddew Mosè u Aron u l-prinċpijiet kollha tal-ġemgħa l-ulied tal-Keħatin, skont il-familji u d-djar ta' missirijiethom;

35għaddew lill-irġiel kollha minn tletin sena 'l fuq sal-ħamsin, tajbin għall-gwerra, biex jidħlu jservu fit-tinda tal-laqgħa.

36U l-għadd tagħhom skont il-familji tagħhom kien ilaħħaq elfejn seba' mija u ħamsin ruħ.

37Dan hu l-għadd tal-familji tal-Keħatin, li jservu fit-tinda tal-laqgħa, li għaddew Mosè u Aron skont ma qalilhom il-Mulej permezz ta' Mosè.

38U l-għadd ta' wlied Gersun skont il-familji tagħhom u djar missirijiethom,

39minn tletin sena 'l fuq sal-ħamsin, tajbin għall-gwerra, biex jagħmlu xi servizz fit-tinda tal-laqgħa,

40dan l-għadd tagħhom skont il-familji tagħhom u djar missirijiethom kien elfejn u sitt mija u tletin ruħ.


© 2020 Malta Bible Society.

41Dan hu l-għadd tal-familji ta' Gersun, ta' dawk kollha li jservu fit-tinda tal-laqgħa, li għaddew Mosè u Aron skont ma qalilhom il-Mulej.

42U l-għadd tagħhom, ta' Merari, skont il-familji tagħhom u djar missirijiethom,

43dawk kollha minn tletin sena 'l fuq sal-ħamsin, tajbin għall-gwerra, biex jagħmlu xi servizz fit-tinda tal-laqgħa,

44l-għadd tagħhom skont il-familji tagħhom kien tlett elef u mitejn ruħ.

45Dan hu l-għadd ta' wlied Merari, li għaddew Mosè u Aron skont ma kien qalilhom il-Mulej permezz ta' Mosè.

46L-għadd kollu tal-Leviti li għaddew Mosè u Aron u l-prinċpijiet ta' Iżrael, tal-Leviti skont il-familji tagħhom u djar missirijiethom,

47minn tletin sena 'l fuq sal-ħamsin, tajbin għall-gwerra, ta' dawk kollha li kellhom jersqu għax-xogħol tas-servizz jew għax-xogħol tal-ġarr tat-tinda tal-laqgħa,

48l-għadd kien ilaħħaq tmint elef ħames mija u tmenin ruħ.

49Ingħaddu minn Mosè skont ma kien ordna l-Mulej, wieħed wieħed skont is-servizz u t-tagħbija tiegħu; ingħaddu minnu skont ma kien ordnalu l-Mulej.

## Numri 5

### Liġijiet oħra

1Il-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

2"Għid lil ulied Iżrael biex iwarrbu mill-kamp lil kull min għandu l-ġdiem, xi nxija jew tniġġes minħabba xi mejjet.

3Warrab sew l-irġiel sew in-nisa, u oħroġhom 'il barra mill-kamp, li ma jitniġġsux il-kampijiet li jiena ngħammar fosthom."

4U wlied Iżrael għamlu hekk, u bagħtuhom 'il barra mill-kamp, kif ordna l-Mulej lil Mosè: hekk għamlu wlied Iżrael.

5U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

6"Għid lil ulied Iżrael: Raġel jew mara li jagħmel xi dnub ta' bniedem u jiksirha mal-Mulej, ikun ħati.

7Jistqarr id-dnub li jkun għamel, iħallas għad-deni kollu u jżid miegħu mill-ħamsa waħda u jagħtiha lil min hu jkun għamel id-deni.

8U jekk ma jkollu dan ir-raġel l-ebda qarib bid-dritt tal-fidwa, biex jitħallas tal-ħsara, ħlas il-ħsara jingħata lill-Mulej u jkun tal-qassis, barra mill-muntun tat-tpattija, li bih ipatti għalih, u mbagħad jitlob il-maħfra.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

9U kull offerta minn kull ħaġa qaddisa mingħand ulied Iżrael, li jġibu lill-qassis, din tkun tiegħu.

10Dak li wieħed joffri jkun tiegħu; imma dak li jingħata lill-qassis, ikun tal-qassis."

### Il-prova tal-għira bl-ilma morr

11U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

12"Kellem lil ulied Iżrael u għidilhom: Jekk xi ħadd, li martu tiżbalja u tittradih

13billi xi ħaddieħor ikollu x'jaqsam magħha, u jibqa' kollox mistur minn għajnejn żewġha, u ma kien hemm ebda xhud kontriha, għax tkun tniġġset bil-moħbi, u ma nqabditx fl-iżball;

14u mbagħad żewġha tiġih l-għira u jgħir għal martu, sew jekk tkun tassew tniġġset sew jekk le,

15għandu jġibha quddiem il-qassis. Iġib miegħu b'offerta għaliha, mill-għaxra waħda ta' efa xgħir, bla ma jsawwab fuqha ebda żejt u anqas jixħet fuqha inċens, għax din hi offerta tal-għira, offerta ta' tifkira, offerta biex tfakkar id-dnub.

16"Il-qassis imbagħad iressaq il-mara u jqegħedha quddiem il-Mulej.

17Jieħu mbagħad mill-ilma mqaddes f'bieqja tal-fuħħar u mit-trab tal-art tat-tinda u jħalltu mal-ilma.

18Il-qassis imbagħad iġib u jqiegħed il-mara quddiem il-Mulej, u jikxfilha rasha, u jagħtiha f'idejha l-offerta tat-tifkira, l-offerta tal-għira; u f'id il-qassis jibqa' l-ilma morr tas-saħta.

19"Il-qassis imbagħad iġegħelha taħlef u jgħidilha: 'Jekk int ebda raġel ma kellu x'jaqsam miegħek, u int ma tniġġistx, u ma twarrabtx minn żewġek, dan l-ilma tas-saħta ma jagħmillek xejn.

20Jekk int tbegħedt minn żewġek u tniġġist, u xi raġel ieħor minbarra żewġek qagħad miegħek';

21hawn il-qassis iġiegħel lill-mara taħlef dan il-ġurament ta' saħta u jgħidilha: 'Jagħmel minnek il-Mulej eżempju fis-saħta u l-ħalfa f'nofs il-poplu tiegħek, billi jwaqqagħlek kuxxtejk u jneffaħlek żaqqek.

22Ħa jidħol dan l-ilma tas-saħta fil-ġewwieni tiegħek u jwaqqagħlek kuxxtejk u jneffaħlek żaqqek.' U l-mara twieġeb: 'Ammen. Ammen.'

23"Imbagħad il-qassis jikteb dawn is-saħtiet fuq folja, u jħassar il-kitba fl-ilma morr,

24biex imbagħad jisqi l-mara l-ilma morr tas-saħta u l-ilma jidħol fiha.


© 2020 Malta Bible Society.

25Il-qassis jieħu minn id il-mara l-offerta tal-għira, u jxejjirha quddiem il-Mulej u jressaqha fuq l-artal.

26U l-qassis jieħu biċċa mill-offerta ta' tifkira u jaħraqha fuq l-artal; imbagħad jisqi 'l-mara l-ilma.

27Jekk wara li jkun sqieha l-ilma, hija tkun tniġġset u naqset lil żewġha, jidħol fiha l-ilma tas-saħta bl-imrar tiegħu kollu, tintefaħ żaqqha u jaqgħu kuxxtejha; u l-mara tkun saħta fost il-poplu tagħha.

28Imma jekk ma tkunx tniġġset, u tkun safja, ma jiġrilha xejn u jibqa' jkollha tfal.

29"Din hi l-liġi fil-każ tal-għira; sew jekk il-mara, li tkun taħt is-setgħa ta' żewġha, titbiegħed minnu u titniġġes,

30u sew jekk ir-raġel li ġietu l-għira u għer għal martu, iġibha quddiem il-Mulej, u l-qassis jagħmlilha kulma titlob din il-liġi.

31Hekk ir-raġel ma jieħu ebda ħtija, imma l-mara titgħabba bil-piż ta' dnubha."

## Numri 6

### Il-liġi tan-Nażrin

1U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

2"Kellem lil ulied Iżrael u għidilhom: Meta xi ħadd, raġel jew mara, jidħol għall-wegħda ta' nażir, billi jagħti ruħu lill-Mulej,

3għandu jiċċaħħad mill-inbid u xorb qawwi; ma jixrobx ħall tal-inbid jew ħall ta' xorb qawwi; anqas ma għandu jixrob l-għasir tal-għeneb, anqas jiekol għeneb frisk jew imqadded.

4"Kemm iddum il-wegħda ta' nażir, ma jiekol xejn minn dak li jsir mid-dielja, jew li għandu mill-inbid, ibda mill-għeneb qares sal-qxur tiegħu.

5"Kemm iddum il-wegħda ebda xafra ma għandha tgħaddi minn fuq rasu, sakemm ma jintemmux il-jiem tal-konsagrazzjoni tiegħu lill-Mulej; iżomm ruħu qaddis lill-Mulej, u jħalli dliel xagħru jikbru.

6Ma jersaq lejn ebda mejjet, sakemm ikun ikkonsagrat lill-Mulej.

7Ma jitniġġisx la f'mewt missieru, la f'mewt ommu, la f'mewt ħuh jew oħtu, għax ikollu fuq rasu l-wegħda ta' nażir.

8Sakemm iddum il-wegħda ta' nażir, hu jkun ikkonsagrat lill-Mulej.

9"Jekk xi ħadd jaqa' mejjet ħdejh, u jmiss miegħu, u jniġġislu rasu ta' nażir, hu għandu jqaxxar rasu f'jum il-purifikazzjoni tiegħu, iqaxxarha fis-seba' jum.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

10Fit-tmien jum, imbagħad, iġib żewġ gamimiet jew żewġt ifrieħ tal-ħamiem għand il-qassis ħdejn il-bieb tat-tinda tal-laqgħa;

11u l-qassis joffri wieħed għall-ħtija, u l-ieħor b'sagrifiċċju tal-ħruq, u jpattilu għall-ħtija li jkun għamel minħabba l-mejjet, u dak in-nhar jikkonsagralu rasu mill-ġdid.

12Jerġa' jikkonsagra ruħu lill-Mulej, u jtenni jiem il-wegħda, u jġib ħaruf tas-sena b'sagrifiċċju għar-riparazzjoni; iż-żmien ta' qabel ma jgħoddx, għax ikun kiser il-wegħda.

13"Din hi l-liġi tan-nażir: Dak in-nhar li jintemm iż-żmien tal-konsagrazzjoni tiegħu, jersaq lejn bieb it-tinda tal-laqgħa,

14u jġib miegħu b'offerta lill-Mulej: ħaruf tas-sena bla difett bħala sagrifiċċju tal-ħruq, u ħarufa tas-sena bla difett bħala sagrifiċċju tal-purifikazzjoni, u muntun bla difett għas-sagrifiċċju tas-sliem;

15iġib ukoll qoffa ħobż ażżmu, qoffa ħobż miblul fiż-żejt, u ftajjar ażżmi midluka biż-żejt, bl-offerta tal-qmuħ u l-libazzjonijiet tagħhom.

16U l-qassis iressaqhom quddiem il-Mulej, u joffri s-sagrifiċċju tal-purifikazzjoni u s-sagrifiċċju tal-ħruq.

17U hu joffri l-muntun b'sagrifiċċju tas-sliem lill-Mulej flimkien mal-qoffa tal-ażżmu, u l-qassis joffri l-qmuħ u l-libazzjonijiet.

18In-nażir imbagħad iqaxxar ir-ras ikkonsagrata tiegħu ħdejn il-bieb tat-tinda tal-laqgħa, jieħu x-xagħar ta' rasu kkonsagrat, u jixħtu fin-nar li jkun hemm jaqbad taħt il-vittma tas-sagrifiċċju tas-sliem.

19U l-qassis jieħu l-ispalla tal-muntun, meta tkun misjura, ftira ażżma mill-qoffa, u oħra ażżma rqiqa u jqegħedhom f'idejn in-nażir, wara li jkun qarweż xagħru kkonsagrat.

20Imbagħad il-qassis ixejjirhom u joffrihom lill-Mulej; is-sider u s-sieq li jkunu offruti huma ħwejjeġ qaddisa li jmissu lill-qassis. Imbagħad in-nażir ikun jista' jixrob l-inbid.

21"Din hi l-liġi għan-nażir li jkun għamel il-wegħda. L-offerta tiegħu lill-Mulej tkun skont il-wegħda ta' nażir, barra l-offerta li jkun jista' jagħmel minn rajh. Għandu jagħmel skont il-liġi tal-konsagrazzjoni tiegħu bħala nażir, u skont il-wegħda li jkun għamel."

### Il-barka tal-qassisin

22Il-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

23"Kellem lil Aron u 'l uliedu u għidilhom: 'Meta tbierku 'l ulied Iżrael, hekk għandkom tgħidulhom:

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

24Ibierkek il-Mulej u jħarsek!

25Jixħet il-Mulej id-dija ta' wiċċu fuqek, u jurik il-ħniena!

26Iħares lejk il-Mulej bi mħabba, u jagħtik is-sliem!'

27Hekk huma jsejħu ismi fuq ulied Iżrael, u jiena nberikhom."

# Numri 7

### Il-konsagrazzjoni tal-artal

1Dakinhar li Mosè waqqaf it-tabernaklu, dilku u kkonsagrah, bit-tagħmir kollu
tiegħu, dilek u kkonsagra wkoll l-artal u t-tagħmir kollu tiegħu.

2Il-prinċpijiet ta' Iżrael, il-kapijiet tal-familji ta' missirijiethom - jiġifieri l-
prinċpijiet tat-tribujiet, li ħadu ħsieb l-għadd tal-poplu - ressqu

3u ġiebu l-offerti tagħhom quddiem il-Mulej: sitt karrijiet mgħottija u tnax-il
baqra: karru għal kull żewġ prinċpijiet, u baqra għal kull wieħed, u ġibuhom
quddiem it-tabernaklu.

4U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

5"Ħudhom mingħandhom, biex iservu għas-servizz tat-tinda tal-laqgħa, u
qassamhom lil-Leviti, lil kull wieħed skont ix-xogħol tiegħu."

6U Mosè ħa l-karrijiet u l-baqar, u tahom lil-Leviti.

7Żewġ karrijiet u erba' baqriet tahom lil ulied Gersun skont is-servizz tagħhom;

8u erba' karrijiet u tmien baqriet tahom lil ulied Merari, skont is-servizz
tagħhom taħt it-tmexxija ta' Itamar bin Aron, il-qassis.

9U lil ulied Keħat ma tahom xejn, għaliex huma kellhom jieħdu ħsieb it-tagħmir
ikkonsagrat, u jerfgħu kollox fuq spallejhom.

### L-offerti tal-prinċpijiet

10Meta kien midluk u kkonsagrat l-artal tas-sagrifiċċju, il-prinċpijiet ġiebu l-
offerta tagħhom; u ġiebu l-prinċpijiet l-għotja tagħhom quddiem l-artal.

11U l-Mulej qal lil Mosè: "Il-prinċpijiet iressqu l-offerti tagħhom, wieħed kull jum,
għall-konsagrazzjoni tal-artal."

12Fl-ewwel jum ressaq l-offerta tiegħu Naħson bin Għamminadab mit-tribù ta'
Ġuda.

13Ġieb platt tal-fidda jiżen mija u tletin xekel; baċil tal-fidda jiżen sebgħin xekel
daqskemm jiswa x-xekel tas-santwarju, it-tnejn mimlijin bis-smid imħallat biż-
żejt għall-offerta tal-qmuħ;

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

14bieqja tad-deheb tiżen għaxar xwiekel mimlija bl-inċens ifuħ;

15għoġol, muntun, ħaruf ta' dik is-sena għas-sagrifiċċju tal-ħruq;

16bodbod għas-sagrifiċċju tal-purifikazzjoni;

17u għas-sagrifiċċju tas-sliem: żewġ baqriet, ħames imtaten, ħames bdabad,
ħamest iħrief tas-sena. Din kienet l-offerta ta' Naħson bin Għamminadab.

18Fit-tieni jum ressaq l-offerta tiegħu l-prinċep ta' Issakar, Natanjel bin Sugħar.

19Ġieb platt tal-fidda jiżen mija u tletin xekel; baċil tal-fidda jiżen sebgħin xekel
daqskemm jiswa x-xekel tas-santwarju, it-tnejn mimlijin bis-smid imħallat biż-
żejt għall-offerta tal-qmuħ;

20bieqja tad-deheb tiżen għaxar xwiekel mimlija bl-inċens ifuħ;

21għoġol, muntun, ħaruf ta' dik is-sena għas-sagrifiċċju tal-ħruq;

22bodbod għas-sagrifiċċju tal-purifikazzjoni;

23u għas-sagrifiċċju tas-sliem: żewġ baqriet, ħames imtaten, ħames bdabad, u
ħamest iħrief tas-sena. Din kienet l-offerta ta' Natanjel bin Sugħar.

24Fit-tielet jum ressaq l-offerta tiegħu l-prinċep ta' wlied Żebulun, Elijab bin
Helon.

25Ġieb platt tal-fidda jiżen mija u tletin xekel; baċil tal-fidda jiżen sebgħin xekel
daqskemm jiswa x-xekel tas-santwarju, it-tnejn mimlijin bis-smid imħallat biż-
żejt għall-offerta tal-qmuħ;

26bieqja tad-deheb tiżen għaxar xwiekel mimlija bl-inċens ifuħ;

27għoġol, muntun, ħaruf ta' dik is-sena għas-sagrifiċċju tal-ħruq;

28bodbod għas-sagrifiċċju tal-purifikazzjoni;

29u għas-sagrifiċċju tas-sliem; żewġ baqriet, ħames imtaten, u ħames bdabad, u
ħamest iħrief tas-sena. Din kienet l-offerta ta' Elijab bin Helon.

30Fir-raba' jum ressaq l-offerta tiegħu l-prinċep ta' wlied Ruben, Elisur bin
Sedewr.

31Ġieb platt tal-fidda jiżen mija u tletin xekel; baċil tal-fidda jiżen sebgħin xekel
daqs kemm jiswa x-xekel tas-santwarju, it-tnejn mimlijin bis-smid imħallat biż-
żejt għall-offerta tal-qmuħ;

32bieqja tad-deheb tiżen għaxar xwiekel mimlija bl-inċens ifuħ;

33għoġol, muntun, ħaruf ta' dik is-sena għas-sagrifiċċju tal-ħruq;

34bodbod għas-sagrifiċċju tal-purifikazzjoni;


© 2020 Malta Bible Society.

35u għas-sagrifiċċju tas-sliem: żewġ baqriet, ħames imtaten, ħames bdabad, u ħamest iħrief tas-sena. Din kienet l-offerta ta' Elisur bin Sedewr.

36Fil-ħames jum ressaq l-offerta tiegħu l-prinċep ta' wlied Simgħon, Selumjel bin Surisaddaj.

37Ġieb platt tal-fidda jiżen mija u tletin xekel; baċil tal-fidda jiżen sebgħin xekel daqskemm jiswa x-xekel tas-santwarju, it-tnejn mimlijin bis-smid imħallat biż-żejt għall-offerta tal-qmuħ;

38bieqja tad-deheb tiżen għaxar xwiekel mimlija bl-inċens ifuħ;

39għoġol, muntun, ħaruf ta' dik is-sena għas-sagrifiċċju tal-ħruq;

40bodbod għas-sagrifiċċju tal-purifikazzjoni;

41u għas-sagrifiċċju tas-sliem: żewġ baqriet, ħames imtaten, ħames bdabad, u ħamest iħrief tas-sena. Din kienet l-offerta ta' Selumjel bin Surisaddaj.

42Fis-sitt jum ressaq l-offerta tiegħu l-prinċep ta' wlied Gad, Eljasaf bin Degħwel.

43Ġieb platt tal-fidda jiżen mija u tletin xekel; baċil tal-fidda jiżen sebgħin xekel daqskemm jiswa x-xekel tas-santwarju, it-tnejn mimlijin bis-smid imħallat biż-żejt għall-offerta tal-qmuħ;

44bieqja tad-deheb tiżen għaxar xwiekel mimlija bl-inċens ifuħ;

45għoġol, muntun, ħaruf ta' dik is-sena għas-sagrifiċċju tal-ħruq;

46bodbod għas-sagrifiċċju tal-purifikazzjoni;

47u għas-sagrifiċċju tas-sliem: żewġ baqriet, ħames imtaten, ħames bdabad, u ħamest iħrief tas-sena. Din kienet l-offerta ta' Eljasaf bin Degħwel.

48Fis-seba' jum ressaq l-offerta tiegħu l-prinċep ta' wlied Efrajm, Elisama bin Għammiħud.

49Ġieb platt tal-fidda jiżen mija u tletin xekel; baċil tal-fidda jiżen sebgħin xekel daqskemm jiswa x-xekel tas-santwarju, it-tnejn mimlijin bis-smid imħallat biż-żejt għall-offerta tal-qmuħ;

50bieqja tad-deheb tiżen għaxar xwiekel mimlija bl-inċens ifuħ;

51għoġol, muntun, ħaruf ta' dik is-sena għas-sagrifiċċju tal-ħruq;

52bodbod għas-sagrifiċċju tal-purifikazzjoni;

53u għas-sagrifiċċju tas-sliem: żewġ baqriet, ħames imtaten, ħames bdabad, u ħamest iħrief tas-sena. Din kienet l-offerta ta' Elisama bin Għammiħud.

54Fit-tmien jum ressaq l-offerta tiegħu l-prinċep ta' wlied Manassi, Gamaljel bin Pedaħsur.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

55Ġieb platt tal-fidda jiżen mija u tletin xekel; baċil tal-fidda jiżen sebgħin xekel daqskemm jiswa x-xekel tas-santwarju, it-tnejn mimlijin bis-smid imħallat biż-żejt għall-offerta tal-qmuħ;

56bieqja tad-deheb tiżen għaxar xwiekel mimlija bl-inċens ifuħ;

57għoġol, muntun, ħaruf ta' dik is-sena għas-sagrifiċċju tal-ħruq;

58bodbod għas-sagrifiċċju tal-purifikazzjoni;

59u għas-sagrifiċċju tas-sliem: żewġ baqriet, ħames imtaten, ħames bdabad, u ħamest iħrief tas-sena. Din kienet l-offerta ta' Gamaljel bin Pedaħsur.

60Fid-disa' jum ressaq l-offerta tiegħu l-prinċep ta' wlied Benjamin, Abidan bin Gidegħoni.

61Ġieb platt tal-fidda jiżen mija u tletin xekel; baċil tal-fidda jiżen sebgħin xekel daqskemm jiswa x-xekel tas-santwarju, it-tnejn mimlijin bis-smid imħallat biż-żejt għall-offerta tal-qmuħ;

62bieqja tad-deheb tiżen għaxar xwiekel mimlija bl-inċens ifuħ;

63għoġol, muntun, ħaruf ta' dik is-sena għas-sagrifiċċju tal-ħruq;

64bodbod għas-sagrifiċċju tal-purifikazzjoni;

65u għas-sagrifiċċju tas-sliem: żewġ baqriet, ħames imtaten, ħames bdabad, u ħamest iħrief tas-sena. Din kienet l-offerta ta' Abidan bin Gidegħoni.

66Fl-għaxar jum ressaq l-offerta tiegħu l-prinċep ta' wlied Dan, Aħigħeżer bin Għammisaddaj.

67Ġieb platt tal-fidda jiżen mija u tletin xekel; baċil tal-fidda jiżen sebgħin xekel daqskemm jiswa x-xekel tas-santwarju, it-tnejn mimlijin bis-smid imħallat biż-żejt għall-offerta tal-qmuħ;

68bieqja tad-deheb tiżen għaxar xwiekel mimlija bl-inċens ifuħ;

69għoġol, muntun, ħaruf ta' dik is-sena għas-sagrifiċċju tal-ħruq;

70bodbod għas-sagrifiċċju tal-purifikazzjoni;

71u għas-sagrifiċċju tas-sliem: żewġ baqriet, ħames imtaten, ħames bdabad, u ħamest iħrief tas-sena. Din kienet l-offerta ta' Aħigħeżer bin Għammisaddaj.

72Fil-ħdax-il jum ressaq l-offerta tiegħu l-prinċep ta' wlied Aser, Paggħijel bin Għokran.

73Ġieb platt tal-fidda jiżen mija u tletin xekel; baċil tal-fidda jiżen sebgħin xekel daqskemm jiswa x-xekel tas-santwarju, it-tnejn mimlijin bis-smid imħallat biż-żejt għall-offerta tal-qmuħ;


© 2020 Malta Bible Society.

74bieqja tad-deheb tiżen għaxar xwiekel mimlija bl-inċens ifuħ;

75għoġol, muntun, ħaruf ta' dik is-sena għas-sagrifiċċju tal-ħruq;

76bodbod għas-sagrifiċċju tal-purifikazzjoni;

77u għas-sagrifiċċju tas-sliem: żewġ baqriet, ħames imtaten, ħames bdabad, u
ħamest iħrief tas-sena. Din kienet l-offerta ta' Paggħijel bin Għokran.

78Fit-tnax-il jum ressaq l-offerta tiegħu l-prinċep ta' wlied Naftali, Aħira bin
Għenan.

79Ġieb platt tal-fidda jiżen mija u tletin xekel; baċil tal-fidda jiżen sebgħin xekel
daqskemm jiswa x-xekel tas-santwarju; it-tnejn mimlijin bis-smid imħallat biż-
żejt għall-offerta tal-qmuħ:

80bieqja tad-deheb tiżen għaxar xwiekel mimlija bl-inċens ifuħ;

81għoġol, muntun, ħaruf ta' dik is-sena għas-sagrifiċċju tal-ħruq;

82bodbod għas-sagrifiċċju tal-purifikazzjoni;

83u għas-sagrifiċċju tas-sliem: żewġ baqriet, ħames imtaten, ħames bdabad, u
ħamest iħrief tas-sena. Din kienet l-offerta ta' Aħira bin Għenan.

84Dawn kienu l-offerti tal-prinċpijiet ta' Iżrael dak in-nhar li kkonsagraw l-artal
u żanżnuh; tnax-il platt tal-fidda, tnax-il baċil tal-fidda, u tnax-il bieqja tad-
deheb;

85kull platt tal-fidda kien jiżen mija u tletin xekel; il-baċili tal-fidda kienu jiżnu
sebgħin xekel kull wieħed; dawn il-fided kollha kienu jiżnu elfejn u erba' mitt
xekel tas-santwarju,

86tnax-il bieqja tad-deheb mimlija bl-inċens ifuħ jiżnu għaxar xwiekel il-waħda
daqskemm jiswa x-xekel tas-santwarju, b'kollox mija u għoxrin xekel;

87baqar għas-sagrifiċċju tal-purifikazzjoni kien hemm: tnax-il għoġol, tnax-il
muntun, tnax-il ħaruf tas-sena bl-offerta tagħhom, tnax-il bodbod għas-
sagrifiċċju tal-purifikazzjoni;

88baqar għas-sagrifiċċju tas-sliem, erbgħa u għoxrin għoġol, sittin muntun, sittin
bodbod u sittin ħaruf tas-sena. Dawn kienu l-offerti meta kien ikkonsagrat l-
artal u żżanżan.

89Meta Mosè kien jidħol fit-tinda tal-laqgħa biex jitkellem mal-Mulej kien jisma'
l-leħen jitkellem minn fuq l-għatu tal-arka tax-xhieda miktuba, minn bejn il-
kerubini; u hekk kien ikellmu.

## Numri 8

1U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

2“Kellem lil Aron u għidlu: Meta ttella’ l-imsiebaħ, qis li s-seba’ msiebaħ ikunu jiddu għal quddiem l-imnara.”

3U Aron għamel hekk: tella’ l-imsiebaħ u qegħedhom iħarsu lejn in-naħa ta’ quddiem tal-imnara kif ordna l-Mulej lil Mosè.

4L-imnara kienet tad-deheb battut, il-bastun u l-friegħi kollox battut. Mosè għamel l-imnara fuq il-mudell li wrieh il-Mulej.

5U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

6“Ħu l-Leviti minn fost ulied Iżrael, u naddafhom.

7U hekk għandek tagħmlilhom int u tnaddafhom: roxx fuqhom l-ilma għall-purifikazzjoni mill-ħtija; u jgħaddi l-mus tal-leħja minn fuq ġisimhom kollu, u jaħslu ħwejjiġhom u hekk ikunu ndaf.

8Imbagħad jieħdu għoġol bl-offerta tal-qmuħ miegħu tas-smid imħallat biż-żejt, u ħu għoġol ieħor għas-sagrifiċċju tal-purifikazzjoni.

9Ressaq imbagħad il-Leviti quddiem it-tinda tal-laqgħa, u laqqa’ l-miġemgħa kollha ta’ wlied Iżrael.

10“U tressaq il-Leviti quddiem il-Mulej u wlied Iżrael iqiegħdu idejhom fuq il-Leviti.

11U jressaq Aron, bħala offerta minn fost ulied Iżrael, lil-Leviti quddiem il-Mulej, biex jibqgħu jagħmlu s-servizz tal-Mulej.

12Il-Leviti jqiegħdu idejhom fuq ras l-għoġiela, imbagħad offrihom wieħed sagrifiċċju tal-purifikazzjoni, u ieħor sagrifiċċju tal-ħruq lill-Mulej għall-maħfra tal-Leviti.

13Imbagħad tqiegħed il-Leviti quddiem Aron u wliedu, u toffrihom u tressaqhom bħala offerta quddiem il-Mulej.

14U hekk tagħżel il-Leviti minn fost ulied Iżrael, u l-Leviti jkunu tiegħi.

15“U wara dan kollu l-Leviti jidħlu biex iservu fit-tinda tal-laqgħa. Hekk inti tnaddafhom u tressaqhom bħala offerta,

16għaliex huma mogħtija lili minn fost ulied Iżrael, minflok kull min jitwieled l-ewwel minn mara; kull l-ewwel wild minn ulied Iżrael ħadtu jien għalija.

17Għax tiegħi hu l-ewwel wild ta’ wlied Iżrael, kemm jekk ikun bniedem, kemm bhima; minn mindu qtilt l-ewwel ulied fl-art tal-Eġittu jien ikkonsagrajthom għalija;

18u ħadt lil-Leviti minflok l-ulied tal-ewwel minn fost ulied Iżrael.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

[19]U tajt il-Leviti lil Aron u lil uliedu minn fost ulied Iżrael biex iservu minflok
ulied Iżrael fit-tinda tal-laqgħa, u jitolbu għall-maħfra ta' wlied Iżrael; u ħadd ma
jkun hemm minn ulied Iżrael li jindarab hu u jersaq lejn is-santwarju."

[20]U Mosè u Aron u l-ġemgħa kollha ta' Iżrael hekk għamlu mal-Leviti skont ma
ordnalhom jagħmlu magħhom il-Mulej.

[21]Il-Leviti nħaslu bl-ilma tal-purifikazzjoni, ħaslu ħwejjiġhom, u Aron offriehom
lill-Mulej u talab il-maħfra għalihom biex inaddafhom.

[22]Imbagħad il-Leviti daħlu biex jagħmlu s-servizz tagħhom fit-tinda tal-laqgħa
ħdejn Aron u wliedu. Mosè għamel magħhom skont ma ordnalu l-Mulej dwar il-
Leviti.

[23]U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

[24]"Din hi l-liġi tal-Leviti; minn ħamsa u għoxrin sena 'l fuq jidħlu għax-xogħol fis-
servizz tat-tinda tal-laqgħa;

[25]u mal-ħamsin sena jieqfu mix-xogħol fis-servizz u ma jaħdmux aktar.

[26]Jista' wieħed jgħin lil ħutu huma u jagħmlu l-għassa fit-tinda tal-laqgħa, imma
ma jagħmilx xogħol. Hekk għandek tqassam ix-xogħol tal-Leviti."

## Numri 9

### Il-festa tal-Għid fis-Sinaj

[1]Fit-tieni sena mill-ħruġ tagħhom mill-Eġittu, fl-ewwel xahar, kellem il-Mulej lil
Mosè fid-deżert tas-Sinaj u qallu:

[2]"Jagħmlu wlied Iżrael l-Għid fi żmienu.

[3]Tagħmluh f'ħinu, fl-erbatax ta' dan ix-xahar bejn inżul ix-xemx u d-dlam,
tagħmluh skont il-liġijiet u r-riti tiegħu."

[4]Mosè qal lil ulied Iżrael biex jagħmlu l-Għid.

[5]U għamlu l-Għid fl-erbatax tal-ewwel xahar, bejn inżul ix-xemx u d-dlam, fid-
deżert tas-Sinaj, skont ma ordna l-Mulej lil Mosè; hekk għamlu wlied Iżrael.

[6]Kien hemm xi nies li kienu mniġġsa minħabba bniedem mejjet, u ma setgħux
jagħmlu l-Għid dak in-nhar, u resqu ħdejn Mosè u Aron f'dak il-jum.

[7]U dawn in-nies qalulu: "Aħna mniġġsa minħabba bniedem mejjet. Għaliex
għandna nkunu mċaħħdin milli noffru s-sagrifiċċju lill-Mulej f'waqtu ma' wlied
Iżrael?"

[8]U Mosè weġibhom: "Stennew biex nara x'jordna l-Mulej dwarkom."

[9]U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

10“Kellem lil ulied Iżrael u għidilhom: Kull min ikun imniġġes minħabba mejjet
jew ikun fi vjaġġ ’il bogħod, intom jew ta’ warajkom, għandu jagħmel l-Għid
f’ġieħ il-Mulej.

11Jagħmlu fit-tieni xahar, f’inżul ix-xemx, jieklu bil-ħobż ażżmu u l-ħaxix morr.

12Ma jħallu xejn għal filgħodu, u ma jiksru ebda għadma minnu. Jagħmlu kollox
skont ir-rit tal-Għid.

13Iżda min ikun safi, u ma jkunx fi vjaġġ ’il bogħod, u jibqa’ ma jagħmilx l-Għid,
jinqata’ minn ma’ niesu għax ma jkunx ressaq l-offerta lill-Mulej f’waqtha; dan
il-bniedem jitgħabba bil-piż tal-ħtija tiegħu.

14Il-barrani li jkun jgħix magħkom, jekk ikun irid, jagħmel l-Għid f’ġieħ il-Mulej
skont ir-rit tal-Għid. Liġi waħda, sew għall-barrani, sew għal wieħed mill-pajjiż.”

### Is-sħaba tan-nar

15Dak in-nhar li waqqfu t-tabernaklu, sħaba ksiet it-tinda tax-xhieda miktuba, u
filgħaxija waqfet fuq it-tinda qisha nar sa filgħodu.

16U kienet dejjem hekk: binhar kienet tgħattiha sħaba, u billejl kienet tidher
bħan-nar.

17Kull meta s-sħaba kienet togħla minn fuq it-tinda, minnufih ulied Iżrael kienu
jitilqu, u fejn kienet isserraħ is-sħaba, hemm kienu jieqfu wlied Iżrael.

18Ulied Iżrael, mela, kienu jimxu meta jordnalhom il-Mulej, u jieqfu meta
jgħidilhom il-Mulej. U kemm kienet iddum wieqfa s-sħaba fuq it-tinda, daqshekk
ieħor kienu jdumu wieqfa.

19Sakemm is-sħaba kienet iddum fuq it-tinda, ulied Iżrael kienu jħarsu l-liġi tal-
Mulej, u ma jiċċaqilqux.

20Ġieli s-sħaba kienet iddum fuq it-tinda għal ftit jiem; skont ma kien jgħidilhom
il-Mulej kienu jieqfu, u skont ma kien jordnalhom il-Mulej kienu jimxu.

21Ximindaqqiet kien jiġri li s-sħaba kienet iddum wieqfa minn filgħaxija sa
filgħodu; kienet togħla filgħodu, u huma kienu jiċċaqilqu; jew inkella ġieli kienet
tieqaf jum u lejl, imbagħad kienet terġa’ togħla, u huma kienu jiċċaqilqu.

22Imqar jekk is-sħaba kienet iddum wieqfa fuq it-tinda jumejn, xahar, jew sena,
kienu jieqfu wkoll ulied Iżrael, u ma kinux jiċċaqilqu; imma meta kienet tintrefa’
kienu jitilqu.

23Għall-kelma tal-Mulej kienu jieqfu, u għall-kelma tiegħu kienu jiċċaqilqu; kienu
jħarsu t-twissijiet tal-Mulej li kien jagħtihom permezz ta’ Mosè.

## Numri 10

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

## It-trombi tal-fidda

1Il-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

2“Agħmel żewġ trombi tal-fidda, tagħmilhom tal-metall battut, bihom issejjaħ il-ġemgħa, u biex jerfgħu l-kamp.

3Meta ddoqquhom it-tnejn, tinġema’ quddiemek il-ġemgħa kollha ħdejn il-bieb tat-tinda tal-laqgħa;

4u meta ddoqqu b’waħda jinġemgħu ħdejk il-prinċpijiet, il-kapijiet tal-eluf ta’ Iżrael.

5Meta ddoqquhom u jżarżru, jerfgħu l-kamp dawk tan-naħa tal-Lvant;

6meta ddoqquhom għat-tieni darba jerfgħu l-kamp dawk tan-naħa tan-Nofsinhar. Mela d-daqq biż-żarżir ikun sinjal biex titilqu,

7u d-daqq bla żarżir biex tlaqqgħu l-ġemgħa.

8“Idoqqu t-trombi wlied Aron, il-qassisin, u din tkun għalikom liġi għal dejjem minn nisel għal nisel.

9Meta toħorġu għall-gwerra f’pajjiżkom kontra l-għadu li jaħbat għalikom, iddoqqu t-trombi biż-żarżir, u l-Mulej, Alla tagħkom, jiftakar fikom, u jeħliskom mill-għedewwa tagħkom.

10U fil-jiem tal-ferħ u l-laqgħat tagħkom, fil-festi tal-ewwel tax-xahar, iddoqqu t-trombi intom u toffru s-sagrifiċċji tal-ħruq tagħkom, u toffru s-sagrifiċċji tas-sliem, u Alla tagħkom jiftakar fikom. Jiena l-Mulej, Alla tagħkom.”

## It-tluq mis-Sinaj

11Fit-tieni sena, fit-tieni xahar, fl-għoxrin tax-xahar, is-sħaba għoliet minn fuq it-tinda tax-xhieda miktuba.

12Ulied Iżrael telqu għal triqthom mid-deżert tas-Sinaj, u s-sħaba waqfet fid-deżert ta’ Faran.

13Bdew jitilqu skont ma qalilhom il-Mulej permezz ta’ Mosè.

14L-ewwel ma refgħu l-istendard kienu wlied Ġuda bil-qtajja’ tagħhom. Il-kap tal-qatgħa tagħhom kien Naħson bin Għamminadab;

15fuq il-qatgħa ta’ wlied Issakar kien hemm Natanjel bin Sugħar;

16fuq il-qatgħa tat-tribù ta’ Żebulun kien hemm Elijab bin Helon.

17U żarmaw it-tabernaklu, refgħuh u telqu bih ulied Gersun u wlied Merari.

18Telaq imbagħad l-istendard tal-kamp ta’ Ruben, skont il-qtajja’ tagħhom, u kien hemm kap tal-qatgħa tagħhom Elisur bin Sedewr.


© 2020 Malta Bible Society.

19U fuq it-tribù ta’ wlied Simgħon kien hemm Salamjel bin Surisaddaj.

20U fuq il-qatgħa tat-tribù ta’ wlied Gad kien hemm Eljasaf bin Degħwel.

21Warajhom telqu l-Keħatin iġorru t-tagħmir imqaddes, b’mod li sa ma jaslu l-oħrajn ikunu waqqfu t-tabernaklu.

22Imbagħad refgħu l-istendard ulied Efrajm skont il-qtajja’ tagħhom; u fuq il-qatgħa tagħhom kien hemm Elisama bin Għammiħud.

23U fuq it-tribù ta’ wlied Manassi kien hemm Gamaljel bin Pedaħsur.

24U fuq il-qatgħa tat-tribù ta’ Benjamin kien hemm Abidan bin Gidegħoni.

25Imbagħad wara l-kampjiet kollha mexa l-istendard tal-kamp ta’ wlied Dan bil-qtajja’ kollha tagħhom, u fuq il-qatgħa tagħhom kien hemm Aħigħeżer bin Għammisaddaj.

26Fuq il-qatgħa tat-tribù ta’ wlied Aser kien hemm Paggħijel bin Għokran.

27U fuq il-qatgħa tat-tribù ta’ wlied Naftali kien hemm Aħira bin Għenan.

28U mxew ulied Iżrael skont dan it-taqsim bil-qtajja’ kollha tagħhom.

29U Mosè kellem lil Ħobab bin Regħwel, ħatnu l-Midjanita, u qallu: “Aħna se nitilqu lejn il-post li l-Mulej qalilna: ‘Nagħtihulkom’. Ejja magħna u aħna nagħmlulek il-ġid għax il-Mulej wiegħed ir-risq lil Iżrael.”

30U wieġeb: “Le, ma niġix, iżda mmur lejn pajjiżi u art twelidi.”

31U Mosè qallu: “La titlaqniex, għax inti taf fejn nistgħu nieqfu fid-deżert, u tkun għalina ta’ gwida.

32U jekk tiġi magħna, aħna naqsmu miegħek il-ġid kollu li l-Mulej jagħmel magħna.”

33Imbagħad telqu minn ħdejn il-muntanja tal-Mulej, u damu miexja tlitt ijiem, u l-arka tal-patt tal-Mulej telqet tlitt ijiem mixi qabilhom biex issibilhom post għall-kamp.

34U s-sħaba tal-Mulej kienet fuqhom binhar kull meta kienu jitilqu mill-kamp.

35Kull meta kienet tiċċaqlaq l-arka Mosè kien jgħid: “Qum, Jaħweh, u jixterdu l-għedewwa tiegħek! u jaħirbu minn quddiemek dawk li jobogħduk!”

36U meta kienet tieqaf: “Strieħ, Mulej, fost l-eluf u l-eluf ta’ Iżrael.”

## Numri 11

### It-tgemgim tal-poplu


© 2020 Malta Bible Society.

1Ġara li l-poplu beda jgemgem u jsemma' l-ilmenti tiegħu lill-Mulej. U l-Mulej semagħhom, u xegħel bil-qilla, u bagħtilhom in-nar, u ħarqilhom it-truf tal-kamp.

2U l-poplu għajjat lil Mosè, u dan talab għalihom lill-Mulej, u n-nar intefa.

3U dak il-post semmewh Tabgħera għax qabad ġo nofshom nar il-Mulej.

**Il-manna**

4U dik il-qabda nies li kienet magħhom kienet mikluba għall-ikel, u wlied Iżrael ukoll bdew jibku u jgħidu: "Min se jitmagħna l-laħam?

5Niftakru l-ħut li konna nieklu fl-Eġittu b'xejn; il-ħjar, il-bettieħ, il-kurrat, il-basal, u t-tewm.

6U issa bil-ġuħ; għajnejna ma jarawx ħlief il-manna."

7U l-manna kienet tixbah iż-żerriegħa tal-kożbor, u lewn ir-raża.

8Il-poplu kien jixtered jiġborha, u jlaqqtuha, u mbagħad jitħnuha bil-mitħna, jew jisħquha fil-mehrież. Kienu jsajruha fil-borma u jagħmluha ftajjar; u t-togħma tagħha kienet bħal tal-għaġina maħduma biż-żejt.

9U meta billejl kienet taqa' n-nida fuq il-kamp, kienet taqa' magħha l-manna wkoll.

10Mosè sama' l-poplu jibki, familja familja, kulħadd f'bieb it-tinda tiegħu. Il-Mulej xegħel b'qilla kbira, u Mosè inkwieta.

11U Mosè staqsa lill-Mulej: "Għala inkwetajt il-qaddej tiegħek? Jaqaw ma sibtx grazzja quddiemek, biex għabbejtni bil-piż ta' dan il-poplu?

12Forsi jien ġibt f'ġufi dan il-poplu kollu? Forsi wellidtu jien biex tgħidli: Ġorru fi ħdanek bħalma l-imraddgħa ġġorr tarbija fi ħdanha, sakemm twasslu fl-art li int ħlift li tagħtiha lil missirijiethom?

13Mnejn se nġib jien il-laħam biex nagħtih lill-poplu kollu, li qegħdin jibkuli u jgħiduli: 'Agħtina laħam x'nieklu.'

14Ma niflaħx jien waħdi l-piż ta' dan il-poplu kollu; tqil wisq għalija!

15Jekk int se timxi hekk miegħi, oqtolni, jekk sibt grazzja quddiemek, u ma narax id-deni tiegħi."

16U l-Mulej qal lil Mosè: "Iġborli sebgħin mill-anzjani ta' Iżrael li int taf li huma xjuħ u għandhom il-ħila li jiggvernaw, u laqqagħhom fit-tinda tal-laqgħa, u hemm joqogħdu miegħek.

17U jien ninżel u nitkellem miegħek hemmhekk, u nieħu mill-ispirtu li hemm fik, u nqiegħdu fihom, u huma jaqsmu miegħek il-piż ta' dan il-poplu, u ma terfgħux int waħdek.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

18“Imbagħad tgħid lill-poplu: Tqaddsu għall-għada, u intom tieklu l-laħam,
għaliex il-biki tagħkom wasal f’widnejn il-Mulej meta intom għedtu: Min se
jitmagħna l-laħam? Kemm konna sewwa fl-Eġittu! Il-Mulej se jagħtikom laħam
x’tieklu.

19Ma jkollkomx x’tieklu għal jum wieħed, anqas għal jumejn, anqas għal ħamsa,
anqas għal għaxra, u anqas għal għoxrin biss,

20imma għal xahar sħiħ, sakemm joħroġ minn imnifsejkom u jdardarkom, għax
stmellejtu lill-Mulej li qiegħed f’nofskom, u bkejtu quddiemu u għedtu: ‘Għalfejn
ħariġna mill-Eġittu?’ ”

21U Mosè wieġeb: “Sitt mitt elf raġel fih dan il-poplu li jien ġo nofsu! U inti tgħidli,
‘Agħtihom jieklu l-laħam għal xahar sħiħ!’

22Se jkun biżżejjed għalihom jekk noqtlu n-nagħaġ u l-baqar? Jekk niġbru l-ħut
kollu tal-baħar ikun biżżejjed?”

23U l-Mulej wieġeb lil Mosè: “Jaqaw ma tlaħħaqx id il-Mulej; issa tara jekk
isseħħlekx il-kelma tiegħi.”

24U Mosè ħareġ, u kellem lill-poplu u qalilhom kliem il-Mulej, u ġabar is-sebgħin
raġel mill-anzjani tal-poplu u qegħedhom madwar it-tinda.

25Il-Mulej niżel fi sħaba jkellem lil Mosè, u ħa mill-ispirtu li kellu fih, u tah lis-
sebgħin xiħ; u ġara li, hekk kif l-ispirtu qagħad fuqhom, bdew jipprofetizzaw,
imma ma ssuktawx.

26Issa fil-kamp kien baqa’ żewġt irġiel, wieħed jismu Eldad u l-ieħor Medad, u
fuqhom ukoll niżel l-ispirtu. Hekk dawn ġew magħduda mal-magħżulin għax,
għalkemm ma marrux fit-tinda, bdew jipprofetizzaw fil-kamp.

27Dlonk mar wieħed żagħżugħ jgħarraf b’dan lil Mosè, u qallu: “Eldad u Medad
qegħdin jipprofetizzaw fil-kamp.”

28U Ġożwè bin Nun, li minn ċkunitu kien qaddej ta’ Mosè, qabad u qal: “Sidi Mosè,
tħallihomx aktar.”

29Iżda Mosè wieġbu: “Jaqaw qiegħed tgħir minħabba fija? Jalla l-poplu tal-Mulej
ikun kollu profeti, u jalla l-Mulej iqiegħed fuqhom l-ispirtu tiegħu!”

30Imbagħad Mosè nġabar fil-kamp, hu u x-xjuħ ta’ Iżrael.

31U l-Mulej qajjem riħ, li ġarr quddiemu s-summien mill-baħar lejn il-kamp u
xerridhom mal-kamp fuq medda ta’ jum mixi minn naħa u medda ta’ jum mixi
min-naħa l-oħra, dawramejt, f’għoli ta’ dirgħajn minn fuq wiċċ l-art.

32U l-poplu għadda l-jum sħiħ u l-lejl kollu u l-għada kollu jiġbor is-summien, u
l-inqas li wieħed ġabar kien għaxart igzuz. Imbagħad ferrxuhom madwar il-
kamp.


© 2020 Malta Bible Society.

[33]Kien għad għandhom il-laħam bejn snienhom, u anqas kienu għadhom kiluh, meta l-Mulej inkorla għall-poplu u laqtu b'qerda kbira.

[34]U semmew dak il-post: Kibrotħattawa, għaliex hemm difnu 'l dawk li mietu bil-klubija li kellhom għall-ikel.

[35]Imbagħad il-poplu telaq minn Kibrotħattawa għal Ħaserot u waqaf hemm.

## Numri 12

### Mirjam u Aron kontra Mosè

[1]Mirjam u Aron gergru kontra Mosè minħabba l-mara minn Kus, għax kien ħa b'martu waħda minn Kus.

[2]U huma qalu: "Jaqaw il-Mulej lil Mosè biss kellem? Ma kellimx lilna wkoll?" U l-Mulej semagħhom.

[3]Mosè kien bniedem umli, l-aktar umli fost il-bnedmin li hawn fuq wiċċ l-art.

[4]U l-Mulej minnufih qal lil Mosè, lil Aron u lil Mirjam: "Oħorġu t-tlieta li intom lejn it-tinda tal-laqgħa." U ħarġu t-tlieta li kienu.

[5]U niżel il-Mulej fil-kolonna tas-sħab, u qagħad fil-bieb tat-tinda u sejjaħ lil Aron u lil Mirjam, u resqu t-tnejn,

[6]u qalilhom: "Isimgħu kliemi: Jekk xi ħadd minnkom ikun profeta, Jiena l-Mulej nidhirlu f'viżjoni, u nkellmu fil-ħolm.

[7]Mhux hekk ma' Mosè il-qaddej tiegħi, il-bniedem li fdajtlu dari.

[8]Jien inkellmu wiċċ imb wiċċ; inkellmu mhux bix-xbihat imma bid-dieher; u jara s-sura tal-Mulej. Kif, mela, ma bżajtux titkellmu kontra Mosè, il-qaddej tiegħi?"

[9]U l-Mulej xegħel bil-qilla għalihom, u telaq.

[10]Kienet għadha anqas biss telgħet is-sħaba minn fuq it-tinda, meta Mirjam inksiet bil-ġdiem, bajda bħas-silġ; Aron ħares lejn Mirjam, u raha kollha ġdiem. U Aron qal lil Mosè:

[11]"Nitolbok, ja sidi, la tħalliniex nitgħabbew bil-piż tad-dnub, li aħna tbellahna biex għamilna.

[12]Tħallihiex qisha xi ħaġa mwielda mejta minn ġuf ommha, b'ġisimha nofsu mittiekel."

[13]U Mosè għajjat quddiem il-Mulej u qal: "O Alla nitolbok, fejjaqha."

[14]U l-Mulej wieġeb lil Mosè: "Li kieku missierha beżqilha f'wiċċha, ma kinetx tibqa' mriegħxa bil-mistħija għal sebat ijiem? Mela ħalli tingħalaq għal sebat ijiem barra l-kamp, imbagħad terġgħu tilqgħuha f'nofskom."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

15Għalhekk Mirjam ingħalqet barra l-kamp għal sebat ijiem, u l-poplu ma ċċaqlaqx qabel ma reġgħet inġiebet lura.

16Imbagħad il-poplu telaq minn Ħaserot u waqqfu l-kamp fid-deżert ta' Faran.

# Numri 13

### L-ispiji f'art Kangħan

1Il-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

2"Ibgħat xi rġiel jitkixxfu l-art ta' Kangħan li jien se nagħti lil ulied Iżrael. Ibgħat wieħed minn kull tribù ta' missirijiethom. Ilkoll mill-kapijiet fosthom."

3U Mosè bagħathom mid-deżert ta' Faran, skont ma qallu l-Mulej, kollha nies li kienu kapijiet ta' wlied Iżrael.

4Dawn kienu ismijiethom: Sammugħha bin Żakkur mit-tribù ta' Ruben;

5Safat bin Ħori mit-tribù ta' Simgħon;

6Kaleb bin Ġefunni mit-tribù ta' Ġuda:

7Igal bin Ġużeppi mit-tribù ta' Issakar;

8Ħosegħa bin Nun mit-tribù ta' Efrajm;

9Palti bin Rafu mit-tribù ta' Benjamin;

10Gaddijel bin Sudi mit-tribù ta' Żebulun;

11Gaddi bin Susi mit-tribù ta' Manassi minn nisel Ġużeppi;

12Għammijel bin Gemalli mit-tribù ta' Dan;

13Settur bin Mikiel mit-tribù ta' Aser;

14Naħbi bin Vofsi mit-tribù ta' Naftali;

15Gewel bin Maki mit-tribù ta' Gad.

16Dawn huma l-ismijiet ta' dawk li Mosè bagħat jitkixxfu l-art; u lil Ħosegħa bin Nun, Mosè semmieh Ġożwè.

17Mosè bagħathom jitkixxfu l-art ta' Kangħan u qalilhom: "Itilgħu min-Negeb, u itilgħu qalb l-għoljiet.

18Araw l-art x'inhi u n-nies li jgħammru fiha; jekk humiex f'saħħithom jew dgħajfa; jekk humiex ftit jew ħafna;

19jekk l-art li jgħammru hijiex art tajba jew ħażina; u liema huma l-ibliet li jgħixu fihom; humiex miftuħa jew magħluqa bis-swar;


© 2020 Malta Bible Society.

[20]jekk l-art hijiex għammiela jew ħawlija; fihiex siġar jew le. Agħmlu l-ħila u ħudu mill-frott tal-art." Kien żmien il-bikri tal-għeneb.

[21]U telgħu u tkixxfu l-art, mid-deżert ta' Sin sa Reħob, in-naħa tad-daħla ta' Hamat.

[22]Telgħu min-Negeb u waslu sa Hebron, fejn kienu Aħiman, Sesaj, Talmaj, ulied Għanak. Hebron kienet inbniet seba' snin qabel Sogħan fl-Eġittu.

[23]Meta waslu fil-wied ta' Eskol, qatgħu minn hemm fergħa b'għanqud għeneb, u refgħuh fuq lasta bejn tnejn; qatgħu wkoll ir-rummien u t-tin.

[24]U l-post sejħulu Naħal-eskol, b'tifkira tal-għanqud li qatgħu minn hemm ulied Iżrael.

[25]Reġgħu lura mit-tkixxif tal-art wara erbgħin jum.

[26]Malli waslu marru għand Mosè u Aron u l-ġemgħa kollha ta' Iżrael fid-deżert ta' Faran f'Kades. U qalulhom b'kollox, lilhom u lill-ġemgħa kollha ta' Iżrael, u wrewhom il-frott tal-art.

[27]Irrakkuntawlu kulma raw, u qalu: "Morna fl-art li intom bgħattuna nitkixxfu, u tassew tnixxi ħalib u għasel; u dan hu l-frott tagħha;

[28]iżda n-nies li joqogħdu fiha huma nies ta' saħħa, u l-ibliet magħluqa bis-swar u kbar ħafna. Hemm rajna 'l ulied Għanak;

[29]l-Għamalekin li jgħammru fin-Negeb; il-Hittin, il-Ġebusin, l-Amurrin li jgħammru fuq l-għoljiet; u l-Kangħanin li jgħammru n-naħa tal-baħar u max-xtut tal-Ġordan."

[30]Kaleb sikket il-poplu quddiem Mosè u qalilhom: "Infittxu nitilgħu, u neħduha f'idejna. Nistgħu nirbħuha għax nifilħu għaliha."

[31]U l-irġiel li telgħu miegħu qalu: "Ma nistgħux naħbtu għal poplu jiflaħ aktar minna."

[32]U xerrdu xniegħa ħażina fuq l-art li marru jitkixxfu lil ulied Iżrael, u qalulhom: "L-art, li dħalna fiha biex nitkixxfuha, tibla' lil kull min imur jgħammar fiha, u l-popli kollha li rajna f'nofsha huma razza ta' nies twal.

[33]Hemm rajna l-ġganti (ulied Għanak ġejjin mill-ġganti) u ħassejna ruħna bħal ġradijiet u hekk deherna aħna f'għajnejhom."

## Numri 14

### Ir-rewwixta

[1]U l-ġemgħa kollha ta' Iżrael refgħet leħinha u nfexxet tgħajjat; u l-poplu għadda dak il-lejl jibki.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

2L-Iżraelin kollha gemgmu kontra Mosè u Aron, u l-miġemgħa kollha qaltilhom: "Mhux li mitna fl-art tal-Eġittu! Jew f'dan id-deżert!

3Għalfejn se jdaħħalna l-Mulej f'dan il-pajjiż, biex ninqerdu bix-xabla? In-nisa tagħna u wliedna se jeħduhomlna bi priża. Ma jkunx aħjar għalina li nerġgħu lura lejn l-Eġittu?"

4U qalu lil xulxin: "Nagħżlu mexxej, u nerġgħu lura lejn l-Eġittu!"

5Imbagħad Mosè u Aron intefgħu wiċċhom fl-art quddiem il-miġemgħa kollha ta' wlied Iżrael.

6U Ġożwè bin Nun, u Kaleb bin Ġefunni, li kienu fost dawk li marru jitkixxfu l-pajjiż, ċarrtu ħwejjiġhom,

7u kellmu lill-miġemgħa kollha ta' wlied Iżrael u qalulhom:

8"Il-pajjiż, li aħna morna nitkixxfuh, hu art tajba bil-bosta. Jekk jiffavorina l-Mulej żgur li jdaħħalna f'din l-art, u jagħtihielna: hi art li tnixxi ħalib u għasel.

9Biss la teħduhiex kontra l-Mulej, u la tibżgħux mill-poplu tal-pajjiż, għax bħall-ħobż nikluhom, ħilithom tħallihom. Il-Mulej magħna, la tibżgħux minnhom."

## Il-korla tal-Mulej

10Imma l-ġemgħa kollha wieġbet billi riedet tħaġġarhom. Iżda l-glorja tal-Mulej dehret fuq it-tinda tal-laqgħa quddiem ulied Iżrael kollha.

11U l-Mulej qal lil Mosè: "Kemm se jdum jeħodha kontra tiegħi dan il-poplu! Kemm se jdumu ma jafdawx fija, minkejja s-sinjali li għamilt f'nofshom?

12Nidrobhom bil-pesta; noħroġhom mill-wirt, u nagħmel minnek ġens kbir u b'saħħtu aktar minnhom."

13U Mosè qal lill-Mulej: "Jekk jisimgħu b'dan l-Eġizzjani, xi jgħidu wara li int ħriġt lil dan il-poplu bil-qawwa tiegħek minn ġo nofshom?

14U n-nies ukoll, li jgħammru f'din l-art, semgħu li inti qiegħed f'nofs dan il-poplu, li jarak wiċċ imb wiċċ u li s-sħaba tiegħek qiegħda fuqu, u li inti timxi quddiemu f'kolonna ta' sħab binhar u f'kolonna tan-nar billejl.

15Jekk int toqtolhom f'daqqa bħal bniedem wieħed, il-ġnus li semgħu b'aħbarek jgħidu:

16'Il-Mulej ma għandux ħila jwassal lil dan il-poplu fl-art li wegħedhom, u għalhekk qeridhom fid-deżert.'

17U issa, Sidi, ħa jidher il-kobor tal-qawwa tiegħek bħalma tkellimt u għedt:

18'Il-Mulej tqil biex jinkorla, u kbir fit-tjieba; jaħfer il-ħażen u d-dnub, għalkemm ma jħallihx bla kastig, u jikkastiga dnub il-missirijiet f'uliedhom sat-tielet u r-raba' ġenerazzjoni.'

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

19Aħfer, mela, nitolbok, il-ħażen ta' dan il-poplu, skont il-kobor tat-tjieba tiegħek, bħalma ssaportejtu mill-Eġittu sa hawn."

### Il-kastig

20Il-Mulej wieġbu: "Jien naħfer skont kliemek.

21Imma daqs kemm hu minnu li jien ħaj u l-art timtela bil-glorja tal-Mulej,

22daqshekk ieħor in-nies kollha li raw il-glorja tiegħi u s-sinjali li għamilt fl-Eġittu u d-deżert, u li għaxar darbiet ġarrbuni u ma semgħux kliemi,

23ħadd minn dawk kollha li ħaduha kontra tiegħi ma jara l-art li jien wegħedt lil missirijiethom;

24imma l-qaddej tiegħi Kaleb, li kellu spirtu ieħor fih minn dak tal-poplu tiegħu, u mexa għalkollox warajja, inwasslu fl-art li mar fiha u jiritha n-nisel tiegħu.

25Ħalli jibqgħu jgħammru fil-wied l-Għamalekin u l-Kangħanin; imma għada intom dawru wiċċkom u erġgħu lura lejn id-deżert mit-triq tal-Baħar tal-Qasab."

26U l-Mulej kellem lil Mosè u lil Aron u qalilhom:

27"Kemm se ddum din il-ġemgħa ħażina tgemgem kontrija? Jien smajt it-tgemgim ta' wlied Iżrael kontra tiegħi.

28Għidilhom: 'Daqs kemm jien ħaj - l-oraklu tal-Mulej - nagħmlilkom kif għedtuli f'widnejja.

29F'dan id-deżert jaqgħu l-katavri tagħkom, intom ilkoll li kontu magħdudin minn għoxrin sena 'l fuq, li gemgimtu kontra tiegħi.

30Ma tidħlux fl-art li jien erfajt idi u ħlift li nserraħkom fiha, ħlief Kaleb bin Ġefunni u Ġożwè bin Nun.

31U t-tfal iż-żgħar tagħkom, li intom ħsibtu li se jeħodhomlkom ħaddieħor bi priża, indaħħalhom fl-art li intom stmellejtuha, u jgawduha huma.

32U l-iġsma tagħkom jaqgħu mejta f'dan id-deżert.

33U wliedkom jibqgħu jiġġerrew fid-deżert għal erbgħin sena, u jħallsu l-ħtija tal-infedeltà tagħkom sakemm jintemmu l-katavri tagħkom fid-deżert.

34Iġġorru fuq spallejkom il-kastig ta' ħtijietkom għal erbgħin sena, sena għal kull jum li domtu titkixxfu l-art. Hekk tkunu tafu li stmellejtkom.

35Jiena, il-Mulej, tkellimt: hekk nagħmel lil din iċ-ċorma nies ħżiena li ftiehmu kontra tiegħi. Jintemmu fid-deżert, u hemm imutu."

36U l-irġiel li Mosè kien bagħat jitkixxfu l-art, u meta reġgħu lura xewwxu l-ġemgħa kollha kontrih billi xerrdu xniegħa kontra din l-art,


© 2020 Malta Bible Society.

37dawn l-irġiel li ħarġu x-xniegħa ħażina fuq l-art, mietu midruba quddiem il-Mulej.

38Minn fost in-nies li marru jitkixxfu l-art baqgħu ħajjin biss Ġożwè bin Nun u Kaleb bin Ġefunni.

### It-telfa ta' Iżrael

39Mosè għarraf b'dan kollu lil ulied Iżrael, u l-poplu għela għall-aħħar.

40U qamu filgħodu kmieni, u telgħu fuq il-quċċata tal-muntanja, u bdew jgħidu: "Hawn aħna, dnibna; nitilgħu lejn il-post li l-Mulej qalilna."

41U Mosè qalilhom: "Għala se tiksru l-ordni tal-Mulej? Xejn ma jiswielkom.

42Titilgħux, għaliex il-Mulej mhux f'nofskom, li ma jmorrux jegħlbukom l-għedewwa tagħkom.

43Għaliex hemm l-Għamalekin u l-Kangħanin kontra tagħkom, u jeqirdukom bix-xabla għax intom erġajtu lura mill-Mulej, u issa l-Mulej mhux magħkom."

44Iżda huma webbsu rashom u baqgħu telgħin fuq il-muntanja; imma l-arka tal-patt tal-Mulej u Mosè ma ċċaqilqux mill-kamp.

45U niżlu l-Għamalekin u l-Kangħanin li kienu joqogħdu fuq il-muntanja, darbuhom u farrkuhom sa Ħorma.

## Numri 15

### L-offerti u s-sagrifiċċji

1Il-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

2"Kellem lil ulied Iżrael u għidilhom: Meta tidħlu fl-art li se nagħtikom biex toqogħdu fiha,

3intom tagħmlu offerti bil-ħruq quddiem il-Mulej; sagrifiċċju tal-ħruq, jew sagrifiċċju b'wegħda jew xi offerta minn rajkom jew fil-festi tagħkom; meta toffru sagrifiċċju, b'riħa tfuħ, mill-baqar jew min-nagħaġ,

4min iressaq l-offerta quddiem il-Mulej għandu joffri l-għaxar waħda ta' efa smid imħallat bi kwart ta' ħinn żejt.

5Meta toffri sagrifiċċju tal-ħruq jew sagrifiċċju ieħor iżżid kwart ta' ħinn inbid għal-libazzjoni ma' kull ħaruf;

6u ma' kull muntun toffri tnejn minn għaxra ta' smid imħallat ma' waħda minn tlieta ta' ħinn żejt;

7u żżid waħda minn tlieta ta' ħinn inbid għal-libazzjoni. Hekk toffri riħa li tgħaxxaq quddiem il-Mulej.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

8“Meta toffri xi għoġol għas-sagrifiċċju tal-ħruq, jew sagrifiċċju ieħor b’wegħda,
jew sagrifiċċju tas-sliem lill-Mulej,

9mal-għoġol tagħmel offerta ta’ tlieta minn għaxra ta’ efa ta’ smid imħallat b’nofs
ħinn żejt,

10u magħha toffri wkoll nofs ħinn inbid għal-libazzjoni. Dan hu sagrifiċċju tal-
ħruq b’riħa li tgħaxxaq lill-Mulej.

11“Hekk għandkom tagħmlu għal kull gendus, għal kull muntun, għal kull ħaruf,
u għal kull gidi.

12Ikunu kemm ikunu l-vittmi li toffru, hekk għandkom tagħmlu ma’ kull waħda
minnhom.

13Hekk għandu jagħmel kull min hu mill-pajjiż kull meta joffri xi sagrifiċċju
b’riħa li tgħaxxaq lill-Mulej.

14Il-barrani li jkun jgħammar f’nofskom jew xi ħaddieħor li jkun qiegħed
f’nofskom matul iż-żminijiet, u jkun irid joffri sagrifiċċju tal-ħruq b’riħa li
tgħaxxaq lill-Mulej, għandu jagħmel kif tagħmlu intom.

15“Liġi waħda għall-ġemgħa kollha tagħkom u għall-barrani; liġi għal dejjem
għall-ġenerazzjonijiet kollha tagħkom, sew għalikom sew għall-barrani, li jkun
fostkom quddiem il-Mulej.

16Liġi waħda u preċett wieħed għalikom u l-barrani li jkun jgħammar
f’nofskom.”

17U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

18“Kellem lil ulied Iżrael u għidilhom: Meta tidħlu fl-art li jien se ndaħħalkom
fiha

19u tieklu minn ħobż l-art, terfgħu offerta lill-Mulej.

20Mill-ewwel tal-għaġna tagħkom terfgħu ftira, meta terfgħu l-offerta mill-
andar.

21Mill-ewwel tal-għaġna tagħkom terfgħu u toffru lill-Mulej fil-ġenerazzjonijiet
kollha tagħkom.

### Offerta għad-dnub b’aljenazzjoni

22“U jekk bla ma tridu ma tħarsux dawn il-liġijiet li l-Mulej ordna lil Mosè -

23kulma ordnalkom il-Mulej permezz ta’ Mosè - minn dakinhar li kkmandakom
il-Mulej u l-ġenerazzjonijiet kollha tagħkom,

24jekk il-ġemgħa tkun naqset bla ma riedet, toffri l-miġemgħa kollha għoġol
b’sagrifiċċju tal-ħruq b’riħa li togħġob lill-Mulej, b’offerta u l-libazzjoni tiegħu
skont ir-rit, u bodbod b’sagrifiċċju tal-purifikazzjoni.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

25 U l-qassis jitlob maħfra għall-miġemgħa kollha ta' wlied Iżrael, u jkollhom il-maħfra, għax dinbu bla ma riedu, u huma ressqu l-offerta tagħhom tal-ħruq quddiem il-Mulej, u sagrifiċċju tal-purifikazzjoni quddiem il-Mulej biex ipattu għall-aljenazzjoni tagħhom.

26 U hekk taqla' l-maħfra l-miġemgħa kollha ta' wlied Iżrael, u l-barrani, li jista' jkun hemm f'nofsha, għax kienet aljenazzjoni tal-poplu kollu.

27 "Jekk wieħed biss ikun naqas bla ma ried, dan għandu joffri mogħża ta' sena għall-purifikazzjoni.

28 U l-qassis jitlob il-maħfra għal min ikun dineb bla ma ried quddiem il-Mulej, biex jaqla' l-maħfra, u hekk tinħafirlu l-ħtija.

29 Liġi waħda jkollkom għal min jidneb bla ma jintebaħ, sew jekk ikun mill-pajjiż minn fost ulied Iżrael, sew jekk ikun barrani f'nofskom.

30 "Imma jekk xi ħadd mill-pajjiż, jew barrani, jagħmel xi ħaġa apposta b'wiċċu minn quddiem, dan jinqata' minn fost niesu, għax ikun żeblaħ lill-Mulej.

31 Għax ikun maqdar il-kelma tal-Mulej u kiser il-liġi tiegħu, dan il-bniedem ikun imwarrab; u l-ħtija tkun tiegħu."

## Ksur il-liġi tas-Sibt

32 Ġara li kienu wlied Iżrael fid-deżert, u sabu raġel li kien qiegħed jiġbor il-ħatab f'jum is-Sibt.

33 U dawk li sabuh jiġbor il-ħatab ġibuh quddiem Mosè u Aron u l-ġemgħa kollha.

34 U qegħdulu l-għassa miegħu, għax kienu għadhom ma qatgħuhiex x'se jagħmlu bih.

35 U l-Mulej qal lil Mosè: "Dan ir-raġel jagħtuh il-mewt; tħaġġru l-ġemgħa kollha barra l-kamp."

36 U ħarġuh barra l-kamp u l-ġemgħa kollha ħaġġritu u miet, kif ordna l-Mulej lil Mosè.

## Il-ġmiemen

37 U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

38 "Kellem lil ulied Iżrael u għidilhom li mil-lum 'il quddiem idendlu ġmiemen fi truf l-imnatar tagħhom, u jdendluhom mal-ponot tal-mantar b'qafla kaħla.

39 U dawn il-ġmiemen iservu biex malli tarawhom tiftakru fil-liġijiet kollha tal-Mulej, u tħarsuhom, u ma tintilfux wara qlubkom, u għajnejkom ma jiġbdukomx għaż-żina.

40 Hekk tiftakru u tagħmlu l-kmandamenti u tkunu mqaddsin għal Alla tagħkom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

41“Jiena l-Mulej, Alla tagħkom, li ħriġtkom mill-art tal-Eġittu biex inkun Alla tagħkom. Jiena l-Mulej Alla tagħkom.”

# Numri 16

### Ir-rewwixta ta’ Koraħ

1Koraħ bin Isħar, bin Keħat, bin Levi, u Datan u Abiram, ulied Elijab, u On bin Pelet, ulied Ruben,

2qamu kontra Mosè u magħhom kellhom mitejn u ħamsin ruħ oħra minn ulied Iżrael, mill-prinċpijiet tal-ġemgħa, li kienu jissejħu għal-laqgħat, kollha nies magħrufa.

3U nġabru kontra Mosè u Aron, u qalulhom: “Għandkom biżżejjed fuq spallejkom: Il-ġemgħa kollha huma kkonsagrati u f’nofshom hemm il-Mulej. Għaliex togħlew fuq il-ġemgħa tal-Mulej?”

4Kif sama’ dan Mosè ntafa’ wiċċu fl-art,

5u kellem lil Koraħ u ’l sħabu, u qalilhom: “Għada l-Mulej jgħarrafna min hu tiegħu, u min hu l-bniedem ikkonsagrat, li l-Mulej iridu ħdejh, u lil min ikun għażlu għalih iressqu lejh.

6Dan għandkom tagħmlu, inti, Koraħ u sħabek ilkoll: ħudu ċ-ċnieser,

7u għada poġġu n-nar fihom u fuqu itfgħu l-inċens quddiem il-Mulej; u l-bniedem li jagħżel il-Mulej, dak ikun l-ikkonsagrat. Qegħdin tippretendu ż-żejjed, ulied Levi!”

8U Mosè qal ukoll lil Koraħ: “Isimgħuni wlied Levi:

9Forsi kienet xi ħaġa żgħira għalikom li Alla ta’ Iżrael għażilkom mill-ġemgħa ta’ Iżrael, biex iressaqkom lejh biex isservu fit-tabernaklu tal-Mulej, u tkunu l-ministri tal-ġemgħa biex taqduha?

10U għax ressaqkom lejh, lilek u miegħek lil ħutek, ulied Levi, l-oħra lkoll, issa qegħdin tfittxu wkoll is-saċerdozju?

11Għalhekk int u l-klikka tiegħek għamiltu konfoffa kontra l-Mulej? U x’inhu Aron biex tgergru kontra tiegħu?”

12U Mosè bagħat isejjaħ lil Datan u ’l Abiram, ulied Eljab, u wieġbu: “Ma nitilgħux.

13Mhux biżżejjed tellajtna minn art tnixxi ħalib u għasel biex ġibtna mmutu f’dan id-deżert, trid issa wkoll taħkem fuqna?

14Int ma ġibtniex f’art tnixxi ħalib u għasel, lanqas raba’ jew xi qasam dwieli li jkunu tagħna ma tajtna. Taħseb li se taqla’ għajnejn dawn in-nies? Aħna ma niġux.”

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

15U Mosè inkorla bis-sħiħ u qal lill-Mulej: "Tagħtix kas tal-offerta tagħhom.
Lanqas ħmar wieħed ma ħadt mingħandhom, u ma għamilt deni lil ħadd
minnhom."

16U Mosè qal lil Koraħ: "Int u l-klikka tiegħek, ejjew għada quddiem il-Mulej ma'
Aron.

17Ħudu ċensier, wieħed kull wieħed, poġġu l-inċens, u ressqu quddiem il-Mulej
il-mitejn u ħamsin ċensier, wieħed wieħed, int u Aron, kulħadd biċ-ċensier
tiegħu."

18U kull wieħed ħa ċ-ċensier tiegħu, poġġew in-nar fihom, u sawbu l-inċens, u
qagħdu bilwieqfa quddiem it-tinda tal-laqgħa ma' Mosè u Aron.

19U warajhom Koraħ ġabar il-ġemgħa kollha fi dħul it-tinda tal-laqgħa; u dehret
il-glorja tal-Mulej quddiem il-ġemgħa kollha.

20U l-Mulej kellem lil Mosè u 'l Aron, u qalilhom:

21"Warrbu minn nofs din il-ġemgħa, ħa neqridhom ilkoll f'salt wieħed."

22U ntefgħu għal wiċċhom fl-art u qalu: "Alla, Alla ta' ruħ il-ħajjin kollha, bniedem
wieħed biss dineb, u tagħdab int kontra l-ġemgħa kollha?"

23U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

24"Kellem lill-ġemgħa u għidilhom: Warrbu minn madwar it-tined ta' Koraħ,
Datan u Abiram."

25Mosè qam u mar lejn Datan u Abiram; u warajh marru l-anzjani ta' Iżrael.

26Imbagħad kellem lill-ġemgħa u qalilhom: "Tbiegħdu mit-tined ta' dawn in-nies
ħżiena, u tmissu xejn minn tagħhom, biex ma tinbarmux fid-dnubiet tagħhom."

27U tbiegħdu minn madwar it-tined ta' Koraħ, Datan u Abiram: u Datan u Abiram
ħarġu u qagħdu bilwieqfa fil-bieb tat-tined tagħhom bin-nisa u t-tfal u t-trabi
tagħhom.

28U Mosè qal: "Issa minn dan tkunu tafu li l-Mulej bagħatni biex nagħmel kulma
għamilt, u ma għamilt xejn minn rajja.

29Jekk dawn imutu bħalma jmut kull bniedem, u jekk tmisshom ix-xorti li tmiss
lil kull bniedem, ma jkunx bagħatni l-Mulej.

30Imma jekk il-Mulej jagħmel xi ħaġa tal-għaġeb, u tinfetaħ l-art u tiftaħ l-art
fommha, u tibla' lilhom u kulma għandhom, u jinżlu ħajjin f'qiegħ l-art, tkunu
tafu li dawn in-nies ħaduha kontra l-Mulej."

31U ġara li kif temm jgħid dan il-kliem


© 2020 Malta Bible Society.

[32]inqasmet l-art taħthom, fetħet fommha, u belgħet lilhom u l-familji tagħhom u n-nies kollha li kienu ma' Koraħ b'ġidhom b'kollox.

[33]U niżlu ħajjin huma u kulma kellhom f'qiegħ l-art, ingħalqet l-art fuqhom, u nqerdu minn nofs il-ġemgħa.

[34]U l-Iżraelin kollha li kienu madwarhom mal-għajta tagħhom ħarbu għax qalu: "Li ma tmurx tiblagħna l-art magħhom."

[35]U ħareġ nar mingħand il-Mulej u qered il-mitejn u ħamsin raġel li kienu offrew l-inċens.

## Numri 17

[1]Il-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

[2]"Għid lil Elgħażar bin Aron, il-qassis, biex jieħu ċ-ċnieser minn ġon-nar, u jarmi n-nar li hemm fihom, għaliex huma kkonsagrati.

[3]U ċ-ċnieser ta' dawn in-nies li dinbu bi ħsara għalihom, intom tagħmluhom pjanċi tal-battut biex jiksu l-artal bihom, għax dawn kienu offerti lill-Mulej, u huma kkonsagrati, u hekk jibqgħu sinjal għal ulied Iżrael."

[4]U Elgħażar, il-qassis, ħa ċ-ċnieser tal-bronż li kienu offrew in-nies li nħarqu, u huma għamluhom pjanċi biex jiksu l-artal bihom,

[5]u hekk ulied Iżrael jiftakru li ma għandu jersaq ebda profan, li mhux min-nisel ta' Aron, biex jaħraq l-inċens quddiem il-Mulej, li ma jmurx jiġrilu bħal Koraħ u sħabu, bħalma ordna l-Mulej permezz ta' Mosè.

### It-tixwixa tal-poplu

[6]L-għada l-ġemgħa kollha ta' wlied Iżrael bdew igemgmu kontra Mosè u Aron u jgħidu: "Intom qtiltu l-poplu tal-Mulej."

[7]U l-ġemgħa kollha nġabret kontra Mosè u Aron, u dawn dawru wiċċhom lejn it-tinda tal-laqgħa, u minnufih ksietha s-sħaba u dehret il-glorja tal-Mulej.

[8]U ġew Mosè u Aron quddiem it-tinda tal-laqgħa,

[9]u l-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

[10]"Warrbu minn nofs din il-ġemgħa ħalli jien neqridhom f'salt wieħed." U huma nxteħtu għal wiċċhom fl-art.

[11]U Mosè qal lil Aron: "Aqbad iċ-ċensier, u poġġi fih in-nar mill-artal, ixħet l-inċens, u mur malajr lejn il-ġemgħa, u itlob maħfra għalihom, għaliex ħarġet il-qilla tal-Mulej, u beda l-flaġell."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

12 U Aron ħa ċ-ċensier bħalma qallu Mosè, mar f'nofs il-ġemgħa, u ra li l-flaġell kien diġà beda f'nofs il-poplu. Imbagħad xeħet l-inċens, u talab maħfra għall-poplu.

13 U hu waqaf bejn il-mejtin u l-ħajjin, sakemm intemm il-flaġell.

14 U ġara li l-mejtin b'dan il-flaġell laħqu l-erbatax-il elf u seba' mija, minbarra dawk li kienu mietu qabel minħabba Koraħ.

15 U malli waqaf il-flaġell Aron raġa' lura ħdejn Mosè, ħdejn il-bieb tat-tinda tal-laqgħa.

### Il-ħatar ta' Aron

16 U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

17 "Kellem lil ulied Iżrael, u ħu ħatar minn kull dar, wieħed minn kull prinċep ta' tribù, tnax-il wieħed b'kollox; u kull wieħed jikteb ismu fuqu.

18 Isem Aron tiktbu fuq il-ħatar ta' Levi, għax ikollhom ħatar wieħed għal kull prinċep ta' tribù.

19 U tqegħedhom fit-tinda tal-laqgħa quddiem ix-xhieda fejn jiena niltaqa' magħkom.

20 U jiġri li l-ħatar tal-bniedem li jien naħtar, iwarrad, u hekk insikket it-tgemgim ta' madwari, li wlied Iżrael qegħdin igemgmu kontra tagħkom."

21 U Mosè kellem lil ulied Iżrael, u l-prinċpijiet tagħhom tawh ilkoll ħatar għal kull prinċep ta' tribù, skont id-djar tagħhom, tnax-il ħatar b'kollox; u l-ħatar ta' Aron kien f'nofshom.

22 U Mosè qiegħed l-oħtra quddiem il-Mulej fit-tinda tax-xhieda miktuba.

23 U ġara li l-għada Mosè daħal fit-tinda tal-laqgħa, u hemm hu l-ħatar ta' Aron tat-tribù ta' Levi kien ħareġ ir-rimi, fetaħ iż-żahar u għamel lewż misjur.

24 Mosè mbagħad ħareġ l-oħtra kollha minn quddiem il-Mulej, u ġiebhom quddiem ulied Iżrael, u rawhom, u kull wieħed ħa l-ħatar tiegħu.

25 U l-Mulej qal lil Mosè: "Erġa' qiegħed il-ħatar ta' Aron quddiem ix-xhieda miktuba biex iżżommu bħala sinjal għal dawk li jmieru, u hekk jieqaf it-tgemgim tagħhom kontra tiegħi u ma jmutux."

26 U Mosè għamel kif ordnalu l-Mulej, u hekk għamel.

27 U wlied Iżrael qalu lil Mosè: "Aħna se mmutu, ninqerdu, u nintemmu lkoll.

28 Għax kull min jersaq lejn it-tinda tal-Mulej imut. Jaqaw għandna mmutu lkoll?"

## Numri 18

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

### L-obbligi u d-drittijiet tal-Leviti

[1]U l-Mulej qal lil Aron: "Int u wliedek, u dar missierek, terfgħu l-piż tad-dnubiet
fis-santwarju; u int u wliedek miegħek terfgħu l-piż tad-dnubiet tas-saċerdozju
tagħkom.

[2]U 'l ħutek ukoll mit-tribù ta' Levi, mit-tribù ta' missierek, tressaqhom miegħek
biex jaqduk meta int u wliedek tkunu quddiem it-tinda tax-xhieda miktuba.

[3]U jaqduk u jservuk f'dak kollu li għandu x'jaqsam mat-tinda, iżda m'għandhomx
jersqu lejn il-ħwejjeġ ikkonsagrati jew lejn l-artal, inkella jmutu, huma u intom
magħhom.

[4]Iservu lilek, u jservu f'dak kollu li għandu x'jaqsam mat-tinda tal-laqgħa, fis-
servizz kollu li għandu x'jaqsam mat-tinda, u ebda profan m'għandu jersaq
ħdejkom.

[5]Tieħdu ħsieb is-santwarju, u s-servizz tal-artal, u ma jkunx hemm aktar għadab
kontra wlied Iżrael.

[6]U, arawni, jiena ħadt il-Leviti ħutkom minn fost ulied Iżrael, li tawhom lilkom
bħala offerta lill-Mulej biex iservu fit-tinda tal-laqgħa.

[7]Int u wliedek miegħek tagħmlu d-dmirijiet tagħkom ta' qassisin f'kulma għandu
x'jaqsam mal-artal u 'l ġewwa mill-velu; dan is-servizz hu rigal li nagħtihulkom
mas-saċerdozju tagħkom, u l-profan li jersaq ikun ħaqqu l-mewt."

[8]U l-Mulej kellem lil Aron: "Arani, jien nagħtik li tieħu ħsieb kulma joffruli; kulma
jikkonsagraw ulied Iżrael, nagħtih lilek minħabba l-konsagrazzjoni tiegħek, u lil
uliedek bi dritt għal dejjem.

[9]Dan hu li jmissek mill-bċejjeċ l-aktar qaddisa mhux maħruqa: kulma jagħtu
b'offerta u kull sagrifiċċju għall-purifikazzjoni u kull sagrifiċċju ta' radd il-ħajr, li
jrodduli bħala ħaġa qaddisa, ikun tiegħek u ta' wliedek.

[10]Tikluh f'post l-aktar qaddis, u jieklu minnu l-irġiel kollha; tkun ħaġa qaddisa
għalik.

[11]U jkun tiegħek dan ukoll: nagħtik kulma jittieħed mill-offerti tagħhom, minn
kulma jgħollu b'offerta wlied Iżrael quddiemi, nagħtih lilek u lil uliedek, subien
u bniet, bi dritt għal dejjem; jista' jiekol minnu kull min ikun safi f'darek.

[12]Nagħtik l-aħjar taż-żejt, tal-inbid, tal-qamħ, tal-bikri li jagħtu lill-Mulej.

[13]Il-frott tal-ewwel tal-art tagħhom li jġib lill-Mulej, ikun tiegħek; jista' jiekol
minnhom kull min ikun safi f'darek.

[14]Kull ħaġa f'Iżrael, li tkun iddedikata lil Alla, tkun għalik.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

15“Kull xorta tal-ewwel wild ta’ mara li joffru wlied Iżrael lill-Mulej, kemm tal-bnedmin, kemm tal-bhejjem, ikunu tiegħek. Iżda qis li jinfeda l-ewwel tal-bnedmin, u l-ewwel tal-bhima mniġġsa.

16Int tirċievi l-flus tal-fidwa, wara xahar mit-twelid, bil-ħlas ta’ ħames xwiekel tal-fidda daqs kemm jiswa xekel tas-santwarju, li jsarraf għoxrin gera.

17Imma l-ewwel wild tal-baqar, tan-nagħaġ u tal-mogħoż tħallihomx jifduh, għax dawn huma sagri. Int ixxerred demmhom fuq l-artal, u taħraq xaħamhom bin-nar b’riħa tfuħ quddiem il-Mulej.

18Laħamhom ikun tiegħek, is-sidra tat-tixjir u s-sieq tal-lemin ikunu tiegħek.

19L-offerti tal-ħwejjeġ sagri li wlied Iżrael joffru lill-Mulej, nagħtihom lilek, u lil uliedek, subien u bniet, bi dritt għal dejjem. Dan hu patt għal dejjem, li ma jitħassarx bejnek u bejn il-Mulej u bejn uliedek ukoll.”

### Il-Mulej sehem Aron u l-Leviti

20U l-Mulej qal lil Aron: “Int ma jkollok ebda wirt f’arthom u ma jkollok ebda sehem minnha f’nofshom. Jien sehmek u wirtek f’nofs ulied Iżrael.

21“Lil ulied Levi tajthom b’wirt l-għexur kollha ta’ Iżrael, bi ħlas għax-xogħol li għandhom fis-servizz fit-tinda tal-laqgħa.

22U hekk ulied Iżrael ma jersqux iżjed lejn it-tinda tal-laqgħa, li ma jaqgħux taħt il-piena tal-mewt.

23Imiss lil-Leviti li jservu fit-tinda tal-laqgħa, u huma jkunu responsabbli għaliha; liġi għall-ġenerazzjonijiet kollha tagħkom li għad jiġu; u ma jkollhom ebda wirt.

24Għalhekk jien tajt lil ulied Levi d-dritt għall-għexur li joffru wlied Iżrael lill-Mulej; għalhekk għedtilhom: Ma jkollhomx wirt f’nofs ulied Iżrael.”

25Il-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

26“Kellem lil-Leviti u għidilhom: Meta tirċievu l-għexur mingħand ulied Iżrael, li jien tajtkom id-dritt li tieħdu mingħandhom b’wirtkom, erfgħu minnu offerta lill-Mulej, l-għexur tal-għexur.

27L-offerta tagħkom titqies bħallikieku kienet tal-qamħ ġej dritt mill-andar u bħall-għasir ġej dritt mill-magħsar.

28Hekk tagħmlu intom ukoll l-offerta tagħkom lill-Mulej mill-għexur li tirċievu mingħand ulied Iżrael, u din l-offerta lill-Mulej tagħtuha lil Aron, il-qassis.

29Minn kull ħaġa li joffrulkom, intom għandkom terfgħu offerta lill-Mulej, l-aħjar mill-aħjar tagħha, u tikkonsagrawha.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

30U għidilhom ukoll: Meta terfgħu l-aħjar tal-offerta, din titqisilkom bħallikieku ġejja dritt mill-andar jew mill-magħsar.

31Tistgħu tikluha kullimkien, intom u nieskom, għax hi l-ħlas għas-servizz tagħkom fit-tinda tal-laqgħa.

32Meta tagħtu l-aħjar tal-offerti li tirċievu, ma taqgħux fid-dnub, u ma tkasbrux l-offerti sagri ta' wlied Iżrael, u ma tmutux."

## Numri 19

### Il-purifikazzjoni tal-imniġġes

1Il-Mulej kellem lil Mosè u lil Aron u qalilhom:

2"Dan hu l-kmandament tal-liġi li ordna l-Mulej, u qal: Kellem lil ulied Iżrael u għidilhom iġibulek baqra ħamra, qawwija u sħiħa, bla ebda difett, li qatt ma refgħet il-madmad.

3Intom tagħtuha lil Elgħażar, il-qassis, u dan joħroġha barra l-kamp, u hemm joqtluha quddiemu.

4Elgħażar, il-qassis, imbagħad ibill sebgħu f'demmha, u jroxxu fuq in-naħa tat-tinda tal-laqgħa għal seba' darbiet.

5Imbagħad jaħarqu l-baqra quddiem għajnejh: il-ġild, il-laħam, id-demm, u l-ħmieġ tagħha.

6"Il-qassis jaqbad injama taċ-ċedru, żuf, u ħajt aħmar skarlatt, u jixħethom ġol-ħuġġieġa tal-baqra.

7Imbagħad il-qassis jaħsel ħwejġu u ġismu bl-ilma, u wara jidħol fil-kamp, u jibqa' mniġġes sa filgħaxija.

8U min ikun ħaraq il-baqra jaħsel ħwejġu u ġismu bl-ilma, u jibqa' mniġġes sa filgħaxija.

9"Imbagħad xi ħadd li jkun nadif jiġbor l-irmied tal-baqra, u jieħdu barra l-kamp f'post nadif, u jerfgħuh għall-ġemgħa ta' wlied Iżrael biex jagħmlu l-ilma għall-purifikazzjoni ritwali, għax dan hu sagrifiċċju għall-purifikazzjoni.

10Min ikun ġabar l-irmied tal-baqra jaħsel ħwejġu, u jibqa' mniġġes sa filgħaxija. Din tkun il-liġi għal dejjem għal ulied Iżrael, u għall-barrani li jgħammar f'nofshom.

11"Kull min imiss ġisem ta' bniedem mejjet, jibqa' mniġġes għal sebat ijiem;

12jitnaddaf b'dak l-ilma fit-tielet u s-seba' jum, u jkun nadif, u jekk ma jitnaddafx fit-tielet u s-seba' jum, ma jkunx nadif.


© 2020 Malta Bible Society.

13“Min imiss katavru - il-ġisem ta’ bniedem mejjet - u ma jitnaddafx, iniġġes l-għamara tal-Mulej u dan il-bniedem ikun maqtugħ minn Iżrael, għax l-ilma tal-purifikazzjoni ma jkunx issawwab fuqu, u jibqa’ mniġġes, għax l-inġiesa tibqa’ fuqu.

14“Din hi l-liġi għal meta bniedem imut fit-tinda: kull min jidħol fl-għarix u kulma jkun hemm fl-għarix ikun imniġġes għal sebat ijiem.

15Kull reċipjent miftuħ, bla għatu marbut fuqu, ikun imniġġes.

16U kull min imiss fil-beraħ tar-raba’ lil xi ħadd maqtul bis-sejf jew li miet waħdu, xi għadam ta’ bniedem jew xi qabar, ikun imniġġes għal sebat ijiem.

17“U jieħdu għal dan l-imniġġes mill-irmied tal-vittma maħruqa għall-purifikazzjoni u fuqha jsawbu ilma ġieri f’xi ħaġa tal-fuħħar.

18Imbagħad xi ħadd nadif jieħu ż-żuf f’idejh, ibillu fl-ilma, u jroxxu fuq l-għarix, u t-tagħmir kollu fih, u n-nies li jkunu fih, u fuq dak li jkun mess xi għadam, jew xi wieħed maqtul, jew xi mejjet li jkun miet waħdu, jew xi qabar.

19Il-bniedem nadif iroxx fuq l-imniġġes fit-tielet u fis-seba’ jum, u meta jkun naddfu fis-seba’ jum, dan jaħsel ħwejġu u jinħasel fl-ilma, u filgħaxija jkun nadif.

20Il-bniedem li jkun tniġġes u ma tnaddafx ikun maqtugħ mill-ġemgħa, għax ikun niġġes is-santwarju tal-Mulej, għax ma jkunux sawbu fuqu l-ilma tal-purifikazzjoni, u għalhekk baqa’ mniġġes.

21Din tkun liġi għal dejjem għalihom: dak li jkun sawwab l-ilma tal-purifikazzjoni jaħsel ħwejġu, u min ikun mess l-ilma tal-purifikazzjoni jibqa’ mniġġes sa filgħaxija;

22u kulma jmiss il-bniedem imniġġes ikun imniġġes, u l-bniedem li jkun messu jibqa’ mniġġes sa filgħaxija.

## Numri 20

### Ulied Iżrael jeħduha kontra l-Mulej

1U l-ġemgħa kollha ta’ wlied Iżrael waslu fid-deżert ta’ Sin fl-ewwel xahar, u l-poplu waqaf f’Kades; u mietet Mirjam u difnuha hemm.

2Billi ma kienx hemm ilma għall-poplu, inġabru kontra Mosè u Aron.

3Il-poplu ħadha ma’ Mosè u qalulu: “Mhux li mitna meta nqerdu ħutna quddiem il-Mulej.

4Għala ġibtu l-poplu tal-Mulej f’dan id-deżert, biex immutu hawn aħna u l-bhejjem tagħna?

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

5Għala tellajtuna mill-Eġittu biex ġibtuna f'post mill-agħar bħal dan, fejn ma jikber xejn, la qmuħ, la tin, la dwieli, la rummien; u lanqas ma fih ilma tax-xorb."

6U Mosè u Aron telqu minn quddiem il-ġemgħa tal-poplu u marru ħdejn il-bieb tat-tinda tal-laqgħa, inxteħtu wiċċhom fl-art u dehritilhom il-glorja tal-Mulej.

7U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

8"Ħu l-ħatar, u iġbor il-ġemgħa, int u ħuk Aron, u kellmu quddiemhom lill-blata, u din tagħti l-ilma tagħha; u hekk int toħorġilhom l-ilma mill-blata, u tisqi lill-ġemgħa u l-bhejjem tagħhom."

9U Mosè ħa l-ħatar minn quddiem il-Mulej, kif kien ordnalu.

10U flimkien ma' Aron ġabar il-ġemgħa quddiem il-blata, u Mosè qalilhom: "Isimgħuni, ja xewwiexa! Aħna se noħorġulkom l-ilma minn din il-blata?"

11U Mosè għolla idu, u ħabbat darbtejn fuq il-blata bil-ħatar u bdew ħerġin gliegel ta' ilma, u xorbu l-ġemgħa u l-bhejjem kollha.

12U l-Mulej qal lil Mosè u lil Aron: "Għax intom ma emmintux fija, u ma ħaristulix qdusiti quddiem Iżrael, intom ma ddaħħlux lil din il-ġemgħa fl-art li se nagħtihom."

13Dawn huma l-ilmijiet ta' Meriba, fejn ulied Iżrael ħaduha mal-Mulej, u hemm tahom prova ta' qdusitu.

### L-Edomin ma jħalluhomx jgħaddu

14Mosè bagħat messaġġiera minn Kades, jgħidu lis-sultan ta' Edom: 'Dan jgħidlek ħuk Iżrael: Int taf bl-hemm kollu li sibna ruħna fih.

15Missirijietna niżlu l-Eġittu, u baqgħu fl-Eġittu għal ħafna żmien, u l-Eġizzjani ħaqruna, lilna u 'l missirijietna.

16Għajjatna lill-Mulej, u sama' leħinna, u bagħat anġlu, u ħariġna mill-Eġittu. U hawn aħna f'Kades, belt f'tarf artek.

17Ħa ngħaddu minn artek; ma ngħaddux mir-raba', lanqas mill-oqsma tad-dwieli, u lanqas ma nixorbu l-ilma tal-bjar. Ngħaddu mit-triq tas-sultan, bla ma nilwu lejn il-lemin jew lejn ix-xellug, sakemm naqsmu artek."

18U Edom weġibhom: "Ma tgħaddux minn għandi, inkella noħroġ għalikom bix-xabla."

19U wlied Iżrael qalulu: "Nitilgħu mit-triq ewlenija; u jekk nixorbu mill-ilma tiegħek, jien u l-bhejjem tiegħi, inħallsek tiegħu. Kemm ngħaddi bil-mixi."

20U wieġeb: "Ma tgħaddix." U ħareġ Edom jilqagħhom b'forza qawwija u kotra ta' nies.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

21Hekk Edom ma riedx iħalli lil Iżrael jaqsam l-art tiegħu, u Iżrael qabad triq oħra
'l bogħod minnu.

### Il-mewt ta' Aron

22U wlied Iżrael refgħu l-kamp minn Kades, u l-ġemgħa kollha waslu ħdejn il-muntanja Hor.

23U l-Mulej kellem lil Mosè u lil Aron ħdejn il-muntanja Hor, f'tarf art Edom u qalilhom:

24"Aron se jingħabar ma' niesu, għax mhux dieħel fl-art li tajt lil ulied Iżrael, għax intom merejtu kliemi ħdejn l-ilma ta' Meriba.

25Ħu lil Aron u lil Elgħażar ibnu, u tellagħhom fuq il-muntanja Hor,

26neżża' lil Aron minn ilbiesu, u libbishom lil Elgħażar, ibnu; u jingħabar Aron ma' niesu, u jmut hemm."

27U Mosè għamel kif ordnalu l-Mulej. U telgħu fuq il-muntanja Hor quddiem il-ġemgħa kollha.

28U neżża' Mosè lil Aron minn ilbiesu u libbishom lil Elgħażar ibnu; u Aron miet hemm fuq il-quċċata tal-muntanja, u Mosè u Elgħażar niżlu minn fuq il-muntanja.

29U l-ġemgħa kollha rat li miet Aron, u l-familja kollha ta' Iżrael bkietu għal tletin jum.

## Numri 21

### Rebħa fuq il-Kangħanin

1Is-sultan Għarad tal-Kangħanin, li kien joqgħod fin-Negeb, sama' li Iżrael kien ġej mit-triq ta' Atarim; ħareġ jissielet miegħu, u qabad lil xi wħud minnhom priġunieri.

2U Iżrael għamel wegħda lill-Mulej u qal: "Jekk tagħtini f'idejja dan il-poplu, neqred l-ibliet tagħhom."

3U l-Mulej sama' t-talba ta' Iżrael, u tahom f'idejhom il-Kangħanin. U qered lilhom u lil bliethom, u bdew isejħu dak il-post: Horma.

### Is-serp tal-bronż

4U telqu minn ħdejn il-muntanja Hor mat-triq tal-Baħar tal-Qasab biex jeħduha bid-dawra mal-art ta' Edom, imma l-poplu ddejjaq jimxi,

5u beda jgerger kontra Alla u kontra Mosè: "Għala tellajtuna mill-Eġittu biex immutu fid-deżert? Mhawnx ħobż u lanqas ilma; aħna xbajna b'dan l-ikel ħafif."


© 2020 Malta Bible Society.

6 U l-Mulej bagħat sriep velenużi f'nofs il-poplu u bdew jigdmuhom; u mietu
ħafna mill-poplu ta' Iżrael.

7 U l-poplu mar għand Mosè, u qalulu: "Dnibna għax tkellimna kontra l-Mulej u
kontra tiegħek. Itlob lill-Mulej ħa jwarrab is-sriep minn fostna." U Mosè mar
jitlob għall-poplu.

8 U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu: "Agħmel serp tal-bronż velenuż, u arbulah
bħal stendard; u kull min jingidem u jħares lejh ifiq u jgħix."

9 U Mosè għamel serp tal-bronż, u arbulah bħal stendard. U ġara li kull min kien
jigdmu s-serp kien iħares lejn is-serp tal-bronż, u kien ifiq u jgħix.

### Ir-rebħa fuq Siħon

10 U wlied Iżrael telqu minn hemm u waqfu f'Obot;

11 u telqu minn Obot u waqqfu l-kamp f'Għijje-għabarim fid-deżert li jiġi biswit
Mowab, in-naħa ta' tlugħ ix-xemx.

12 Minn hemm reġgħu ċċaqilqu, u waqqfu l-kamp f'wied Żared.

13 Telqu minn hawn, u waqqfu l-kamp in-naħa l-oħra tax-xmara Arnon, fid-
deżert, li ġejja mill-art tal-Amurrin; għax l-Arnon hi f'tarf Mowab, bejn Mowab u
l-Amurrin.

14 Għalhekk jingħad fi Ktieb il-Gwerer tal-Mulej: "Waħeb f'Sufa u l-widien tal-
Arnon,

15 u x-xaqliba tal-widien, li tieħu lejn l-għamajjar ta' Għar, u tmiss ma' truf
Mowab."

16 Minn hemm telqu lejn Bir; dan hu l-bir fejn il-Mulej qal lil Mosè: "Iġbor il-poplu
flimkien u nagħtihom l-ilma."

17 Imbagħad Iżrael għannew din l-għanja: "Fawwar ja bir! Għannulu!

18 Bir li ħaffruh il-prinċpijiet. U fetħuh il-kbarat tal-poplu bix-xettru u l-bsaten
tagħhom." U mid-deżert marru Mattana,

19 u minn Mattana sa Naħlijel, u minn Naħlijel għal Bamot,

20 u minn Bamot għall-wied li hemm fir-raba' ta' Mowab taħt il-quċċata tal-
muntanja ta' Pisga li tħares lejn id-deżert.

21 Iżrael bagħat messaġġiera jgħidu lil Siħon, is-sultan tal-Amurrin;

22 "Ħa naqsam mill-art tiegħek. Ma ngħaddux mir-raba' jew l-oqsma tad-dwieli;
ma nixorbux mill-ilma tal-bjar. Ngħaddu mit-triq tas-sultan sakemm naqsmu l-
fruntieri tiegħek."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

23Imma Siħon ma riedx iħalli lil Iżrael jaqsam il-fruntieri tiegħu; u ġabar il-poplu
tiegħu kollu, u ħareġ jaħbat għal Iżrael fid-deżert, u kif wasal f'Ġaħas ħabat għal
Iżrael.

24Imma Iżrael qeridhom b'xifer ix-xabla, u ħadlu artu, mill-Arnon sal-Ġabbok
sal-art tal-Għammonin; għax Ġagħżer kienet fuq il-fruntiera tal-Għammonin.

25U Iżrael ħa dawk l-ibliet kollha, u għammar fl-ibliet kollha tal-Amurrin,
f'Hesbon, u fl-irħula kollha tagħha.

26Għax Hesbon hi l-belt ta' Siħon, is-sultan tal-Amurrin. Dan kien għamel gwerra
lis-sultan ta' Mowab ta' qablu, u ħadlu minn idejh l-art kollha tiegħu sal-Arnon.

27Għalhekk jgħannu l-għannejja: "Ejjew Hesbon! Tinbena u titla' mill-ġdid il-belt
ta' Siħon.

28Hareġ in-nar minn Hesbon, ilsna tan-nar mill-belt ta' Siħon. U kielu Għar-
mowab; u ħarbtu l-għoljiet tal-Arnon.

29Hażin għalik Mowab, int mitluf ġens ta' Kemos. Telaq 'l ulied maħrubin, u l-
bniet tiegħu mjassrin f'idejn Siħon, is-sultan tal-Amurrin.

30Minn Hesbon sa Dibon kollox meqrud, kollox qridna minn Nofa, bin-nar sa
Medeba!"

31U Iżrael beda jgħammar fl-art tal-Amurrin.

### Ir-rebħa fuq Għog

32U Mosè bagħat xi rġiel jitkixxfu l-belt ta' Ġagħżer; u Iżrael qabdu l-irħula
tagħha, u keċċew l-Amurrin li kienu jgħammru hemm.

33Imbagħad daru u telgħu għat-triq ta' Basan; u ħareġ għalihom Għog, is-sultan
ta' Basan, hu u l-poplu tiegħu kollu, biex jitqabad magħhom f'Edregħi.

34U l-Mulej qal lil Mosè: "Tibżgħux minnu għax f'idejk nerħih, lilu u l-poplu kollu
tiegħu, u 'l artu; u tagħmillu bħalma għamilt lil Siħon, is-sultan tal-Amurrin, li
kien joqgħod f'Hesbon."

35U ħabtu għalih, u għal uliedu, u għall-poplu kollu tiegħu, sakemm ma kien
baqagħlu ebda wieħed; u ħadulu artu.

## Numri 22

### Balgħam is-saħħar

1U wlied Iżrael telqu u waqqfu l-kamp fil-wita ta' Mowab, in-naħa l-oħra tal-
Ġordan, biswit Ġeriko.

2Balak bin Siffur ra kulma kien għamel Iżrael lill-Amurrin,

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

3 u Mowab beża' quddiem dik il-kotra ta' poplu; u Mowab twerwer quddiem ulied Iżrael.

4 U Mowab qal lix-xjuħ ta' Midjan: "Issa din il-kotra tibla' l-inħawi kollha ta' madwarna, bħalma l-gendus jibla' l-ħdura tar-raba'." Balak bin Siffur dik il-ħabta kien sultan ta' Mowab.

5 U bagħat messaġġiera għand Balgħam bin Begħor f'Petor, li qiegħda fl-art ta' wlied Għammaw, ħdejn ix-xmara, isejħulu u jgħidulu: "Ara! Poplu ħareġ mill-Eġittu, u kesa l-art, u diġà qiegħed jgħammar qrib tiegħi,

6 u issa ejja u isħet lil dan il-poplu, għax jiflaħ aktar minni, biex jien inkun nista' nkissru u nkeċċih 'il barra mill-art. Jien naf li kulma tbierek int, ikun imbierek, u kulma tisħet int, ikun misħut."

7 U x-xjuħ ta' Mowab u x-xjuħ ta' Midjan marru bil-ħlas tal-magħmul f'idejhom. U ġew għand Balgħam, u qalulu kulma qalilhom Balak.

8 U qalilhom: "Għaddu l-lejl hawnhekk, u jien inweġibkom skont ma jgħidli l-Mulej." U l-prinċpijiet ta' Mowab qagħdu ma' Balgħam.

9 U Alla ġie għand Balgħam u qallu: "Min huma dawn in-nies li hawn għandek?"

10 U Balgħam wieġeb lil Alla: "Balak bin Siffur, is-sultan ta' Mowab, bagħat jgħidli:

11 Ara! Hawn hu l-poplu li ħareġ mill-Eġittu u kesa wiċċ l-art. Ejja malajr u isħethuli ħalli nkun nista' niġġilidlu u nkeċċih."

12 U Alla qal lil Balgħam: "Tmurx magħhom, tisħetx lil dak il-poplu, għax hu mbierek."

13 U Balgħam qam filgħodu u qal lill-prinċpijiet ta' Balak: "Morru lejn pajjiżkom, għax il-Mulej ma jridx iħallini niġi magħkom."

14 U l-prinċpijiet ta' Mowab qamu u marru għand Balak, u qalulu: "Balgħam ma jridx jiġi magħna."

15 U Balak raġa' bagħat prinċpijiet aktar u ogħla minnhom.

16 U ġew għand Balgħam u qalulu: "Dan jgħid Balak bin Siffur: Tħallix xi jżommok milli tiġi għandi.

17 Nimliek bil-ġid, u nagħmel kulma tgħidli. Ejja isħetli 'l dan il-poplu."

18 U Balgħam wieġeb u qal lill-qaddejja ta' Balak: "Imqar jekk Balak jagħtini l-fidda u d-deheb b'kemm tasa' daru, jien ma stajtx nikser il-kelma tal-Mulej Alla tiegħi, u nagħmel xi ħaġa, la kbira u la żgħira.

19 Imma għaddu l-lejl intom ukoll, u nara xi jgħidli aktar il-Mulej."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[20]U Alla ġie għand Balgħam billejl u qallu: "La darba ġew dawn in-nies ifittxuk,
qum u mur magħhom, iżda qis li tagħmel biss dak li ngħidlek jien."

[21]U Balgħam qam filgħodu, xedd il-ħmara tiegħu, u telaq mal-prinċpijiet ta'
Mowab.

[22]Il-Mulej inkorla għaliex mar; u l-anġlu tal-Mulej waqaf quddiemu u għalaqlu t-
triq. Balgħam kien riekeb fuq il-ħmara, u miegħu kellu żewġ qaddejja.

[23]Kif il-ħmara rat l-anġlu tal-Mulej wieqaf fit-triq bix-xabla misluta f'idu, ilwiet
mit-triq u marret fir-raba'. Balgħam beda jsawwatha biex jerġa' jġibha fit-triq.

[24]U l-anġlu tal-Mulej qagħad f'mogħdija dejqa bejn id-dwieli, bejn żewġ ħitan,
wieħed f'naħa u l-ieħor f'oħra.

[25]U l-ħmara rat l-anġlu tal-Mulej u trasset mal-ħajt, u rasset riġel Balgħam mal-
ħajt, u dan raġa' beda jsawwatha.

[26]U l-anġlu tal-Mulej raġa' qabiżhom u waqaf f'post dejjaq li ma kienx hemm
mogħdija 'l fejn tilwi, la lejn il-lemin u lanqas lejn ix-xellug.

[27]U l-ħmara rat l-anġlu tal-Mulej u għotrot taħt Balgħam; u Balgħam inkorla
għaliha u raġa' beda jagħtiha bil-ħatar.

[28]U l-Mulej fetaħ fomm il-ħmara, u din qalet lil Balgħam: "X'għamiltlek? Diġà
sawwattni tliet darbiet!"

[29]U Balgħam qal lill-ħmara: "Għax qiegħda tgħaddi ż-żmien bija? Li kelli xabla
f'idi kont noqtlok issa stess."

[30]U l-ħmara wieġbet lil Balgħam: "M'iniex jien il-ħmara tiegħek, li int dejjem
irkibt sal-lum? Għandi forsi d-drawwa li nagħmillek hekk?" U wieġeb: "Le."

[31]U l-Mulej fetaħ għajnejn Balgħam, u ra l-anġlu tal-Mulej wieqaf fit-triq bix-
xabla misluta f'idu; u baxxa rasu u nxteħet wiċċu fl-art.

[32]U l-anġlu tal-Mulej qallu: "Għaliex sawwatt il-ħmara s'issa tliet darbiet? Arani,
jien ħriġt biex nagħlaqlek it-triq, għax għalija t-triq li int qbadt hi ħażina.

[33]Il-ħmara ratni u lwiet minn quddiemi tliet darbiet. Li kieku ma lwietx, kieku
bħalissa diġà qtiltek, u ħallejt lilha ħajja."

[34]U Balgħam wieġeb lill-anġlu tal-Mulej: "Dnibt, għaliex ma għaraftx li int kont
wieqaf fit-triq quddiemi. Issa jekk hemm xi ħaġa ħażina f'għajnejk, nerġa' lura."

[35]U l-anġlu tal-Mulej qal lil Balgħam: "Mur ma' dawn in-nies, iżda għidilhom biss
li ngħidlek jien." U Balgħam mar mal-prinċpijiet ta' Balak.

[36]U Balak sama' li Balgħam kien wasal, u ħareġ jilqgħu fil-belt ta' Għir-mowab li
qiegħda fuq il-fruntiera tal-Arnon, f'tarf il-fruntiera.


© 2020 Malta Bible Society.

[37]U Balak qal lil Balgħam: "Ma bgħattx insejjaħlek? Għaliex ma ġejtlix? Jaqaw ma nistax nimliek bil-ġieħ?"

[38]U Balgħam wieġeb lil Balak: "Arani, jien ġejt għandek; nista' ngħid xi ħaġa minn rajja? Ngħid dak li l-Mulej iqiegħed fuq xufftejja."

[39]U Balgħam telaq ma' Balak, u waslu Kirjat-ħusot.

[40]Balak offra sagrifiċċji gniedes u nagħaġ, u bagħat minnhom lil Balgħam u lill-prinċpijiet li kienu miegħu.

### L-ewwel oraklu

[41]L-għada filgħodu Balak qabad lil Balgħam u tellgħu fuq Bamot-bagħal, mnejn seta' jara sa tarf il-poplu.

## Numri 23

[1]U Balgħam qal lil Balak: "Ibnili hawn seba' artali, u lestili seba' għoġiela u seba' mtaten."

[2]U Balak għamel kif qallu Balgħam. U Balgħam u Balak offrew għoġol u muntun fuq kull artal;

[3]u Balgħam qal lil Balak: "Int oqgħod ħdejn is-sagrifiċċju tiegħek, u jien nitbiegħed; għandu mnejn jiġi l-Mulej jiltaqa' miegħi, u ngħidlek kulma jurini." U telaq lejn għolja għerja.

[4]U l-Mulej ġie jiltaqa' miegħu, u Balgħam qallu: "Jien lestejt seba' artali, u offrejt għoġol u muntun fuq kull artal."

[5]U l-Mulej qiegħed dan il-kliem fuq fomm Balgħam u qallu: "Erġa' lura lejn Balak u għidlu li ngħidlek jien."

[6]U raġa' mar ħdejh u sabu wieqaf ħdejn is-sagrifiċċju tiegħu, hu u l-prinċpijiet kollha ta' Mowab, u

[7]beda jitkellem u jgħid: "Minn Aram ġiebni Balak, is-Sultan ta' Mowab mill-għoljiet tal-Lvant: 'Ejja u isħetli lil Ġakobb; Ejja u idgħili lil Iżrael.'

[8]Kif nista' nisħet lil min Alla ma seħtux? u kif nidgħi lil min Alla ma dgħalux?

[9]Minn fuq il-qċaċet tal-blat qiegħed narah; nħares lejh minn fuq l-għoljiet. Dan poplu jgħammar waħdu; mal-ġnus ma jitħallatx.

[10]Min għaddu trab Ġakobb, u min jgħodd ir-ramel ta' Iżrael? Jalla mmut bħalma jmut il-ġust, u tmiemi jkun bħal tmiemu."

[11]Imbagħad Balak qal lil Balgħam: "X'għamiltli! Jien ġibtek biex tisħetli l-għedewwa tiegħi, u issa int qiegħed tberikhom!"

[12]U wieġbu: "Mhux il-kliem li jqegħedli l-Mulej fuq fommi għandi nqis li ngħid?"

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

## It-tieni oraklu

13U Balak qallu: “Ejja miegħi post ieħor mnejn tista’ tarahom. Tarf biss minnu
tista’ tara, ma tarahx kollu, u isħethuli minn hemm.”

14Ħadu fil-wita ta’ Sofim fuq il-quċċata tal-Pisga, u bena hemm seba’ artali, u
offra għoġol u muntun fuq kull artal.

15U qal lil Balak: “Oqgħod wieqaf ħdejn is-sagrifiċċju tiegħek, u jien ikolli laqgħa
hemm.”

16U l-Mulej iltaqa’ ma’ Balgħam, u qegħedlu dan il-kliem fuq fommu, u qallu:
“Erġa’ lura u mur għand Balak, u għidlu li se ngħidlek.”

17U ġie ħdejh, u sabu wieqaf ħdejn is-sagrifiċċju, u l-prinċpijiet ta’ Mowab
miegħu. U Balak staqsieh: “X’jgħid il-Mulej?”

18U Balgħam raġa’ beda jitkellem u jgħid: “Qum Balak u isma’; agħtini widen bin
Siffur.

19Alla mhux bniedem biex jigdeb; anqas bin Adam biex jibdielu. Forsi jgħid u ma
jagħmilx? jitkellem, u ma jżommx kelmtu?

20Arani! Ordnali nbierek. Hu bierek, u jiena ma nistax il-barka reġġa’ lura!

21Ebda deni ma sab f’Ġakobb; u ebda ħażen ma ra f’Iżrael. Il-Mulej, Alla tiegħu,
miegħu; sultan milqugħ b’għajjat ta’ ferħ.

22Bħalma huma l-qrun għall-gendus selvaġġ, hekk għalihom Alla, li ħariġhom
mill-Eġittu.

23Ma hemmx seħer kontra Ġakobb; ma hemmx magħmul kontra Iżrael. Issa
huwa l-waqt li jgħidu minn Ġakobb u Iżrael: ‘Araw Alla x’għamel!’

24Araw hawn poplu! Bħal iljun iqum, bħal iljun jieqaf fuq riġlejh; ma jistrieħx
qabel ma jqarmeċ il-priża, qabel ma jixrob demm il-maqtulin.”

25U Balak qal lil Balgħam: “Tisħtu xejn. Jekk int m’intix se tisħtu, anqas
m’għandek tbierku.”

26U Balgħam wieġeb lil Balak: “Ma kellimtekx u għedtlek li jien nagħmel dak li
jgħidli l-Mulej?”

## It-tielet oraklu

27U Balak qal lil Balgħam: “Ejja nieħdok naħa oħra, għandu mnejn Alla jogħġbu
li tisħethuli minn hemm.”

28U Balak ħa lil Balgħam fuq il-quċċata ta’ Pegħor, li tħares lejn id-deżert.

29U Balgħam qal lil Balak: “Ibnili hawn seba’ artali, u lestili seba’ għoġiela u seba’
mtaten.”

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

30U Balak għamel kif ordnalu Balgħam, u offra għoġol u muntun fuq kull artal.

## Numri 24

1U Balgħam ra li l-Mulej kien jogħġbu jbierek lil Iżrael u ma fittixx iżjed bħal qabel is-sħarijiet, u dawwar wiċċu lejn id-deżert.

2U Balgħam rafa' għajnejh u ra lil Iżrael, mifrux fil-kamp u mqassam tribù tribù. Imbagħad niżel l-ispirtu ta' Alla fuqu

3u beda jitkellem u jgħid: "Il-kelma ta' Balgħam bin Begħor; l-oraklu ta' bniedem b'għajnejh miftuħa;

4L-oraklu ta' wieħed jisma' kliem Alla, u jara dehret Alla li jista' kollox, u jaqa' fl-art u għajnejh mikxufa.

5Kemm huma sbieħ l-għerejjex tiegħek, Ġakobb, l-għamajjar tiegħek, Iżrael.

6Bħal widien jinfirxu, bħal ġonna ma' xatt xi xmara, bħal siġar tas-sabbâra mħawla mill-Mulej, bħal masġar tal-arżnu ħdejn l-ilma!

7L-ilma jfawwar mill-bramel tiegħu, u nislu kotran bħall-ilmijiet. Is-sultan tiegħu ogħla minn Agag, u s-saltna tiegħu togħla 'l fuq.

8Bħalma huma l-qrun għall-gendus selvaġġ, hekk hu Alla għalihom, li ħariġhom mill-Eġittu. Jibla' l-ġnus l-għedewwa tiegħu, għadamhom jagħmlu frak, u ġewwinihom jagħmilhom trietaq.

9Jinżel u jimtedd bħal iljun, bħal iljuna u ħadd ma jqajmu. Imbierek min ibierkek; Misħut min jisħtek!"

10Balak xegħel bil-korla għal Balgħam, u ħabbat idejh u qal lil Balgħam: "Sejjaħtlek biex tisħet l-għadu tiegħi, u int beriktu għal tliet darbiet.

11Mela issa, iġri lejn pajjiżek! Jien għedt, nimliek bil-ġieħ, imma ċaħħadhulek il-Mulej."

12U Balgħam wieġeb: "Ma għedtilhomx jien lill-messaġġiera tiegħek, li int bgħattli:

13'Imqar jekk Balak jagħtini l-fidda u d-deheb b'kemm tasa' daru, ma nistax nikser il-kelma tal-Mulej, u nagħmel minn rajja t-tajjeb jew il-ħażin? Dak li jgħidli l-Mulej, dak ngħid jien.'

14Mela issa arani sejjer lejn niesi. Ejja nurik x'se jagħmel dan il-poplu lill-poplu tiegħek għalli ġej."

15U beda jitkellem u jgħid: "Il-kelma ta' Balgħam bin Begħor; l-oraklu ta' bniedem b'għajnejh miftuħa;

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

16l-oraklu ta' wieħed jisma' kliem Alla, ta' wieħed jagħraf l-għerf tal-Għoli, u jara dehriet Alla li jista' kollox, u jaqa' fl-art u għajnejh mikxufa.

17Qiegħed naraha, imma mhux għalissa; inħares lejha, imma mhux fil-qrib. Għad titla' kewkba minn Ġakobb, u jqum xettru minn Iżrael; u jkisser ngħas Mowab, u jeqred l-ulied kollha ta' Set.

18Edom ikun wirtu; Xegħir wirt l-għedewwa tiegħu; Iżrael jagħmel l-għeġubijiet ta' ħila.

19Jaħkem bniedem ġej minn Ġakobb, u jeqred il-fdal minn Għir."

20U ra lil Għamalek u beda jitkellem u jgħid: "L-ewwel fost il-ġnus hu Għamalek; imma tmiemu jkun qerda għal dejjem."

21Ra lill-Kenin u beda jitkellem u jgħid: "Imqar jekk tkun qawwija għamartek; u l-bejta tiegħek tkun fil-blat,

22ħerba għad isiru l-Kenin, kemm se jdum ma ijassrek Assur?"

23U raġa' beda jitkellem u jgħid: "Oh! Min jibqa' ħaj meta Alla jagħmel dan?

24Jiġu l-iġfna minn Kittin, u jgħakksu lil Assur u lil Għeber; u mbagħad jinqered hu wkoll."

25Balgħam qam u raġa' lura lejn pajjiżu, u Balak qabad triqtu. Iżrael jadura lil Bagħal ta' Pegħor

## Numri 25

1Iżrael kien qiegħed f'Sittim, u l-poplu tkasbar u waqa' fiż-żina mal-bniet ta' Mowab.

2Kienu jistidnuhom biex joffru s-sagrifiċċji lill-allat tagħhom, u l-poplu kien jiekol, u jadurahom.

3L-Iżraelin intrabtu ma' Bagħal ta' Pegħor, u l-korla tal-Mulej xegħlet għalihom.

4U l-Mulej qal lil Mosè: "Aqbad lill-kapijiet kollha tal-poplu u għallaqhom f'ġieħ il-Mulej għad-dawl tax-xemx, u terġa' lura l-qilla tal-Mulej minn Iżrael."

5U Mosè qal lill-imħallfin ta' Iżrael: "Oqtlu kull wieħed minnkom lil niesu li ntrabtu ma' Bagħal ta' Pegħor."

6U, ara, wieħed minn ulied Iżrael ġieb f'nofs ħutu waħda Midjanija quddiem Mosè u quddiem għajnejn il-ġemgħa kollha ta' wlied Iżrael, li kienu qegħdin jibku quddiem il-bieb tat-tinda tal-laqgħa.

7Malli ra dan Fineħas bin Elgħażar, bin Aron, il-qassis, qam minn nofs il-ġemgħa u qabad lanza f'idu.


© 2020 Malta Bible Society.

8U mar jiġri wara r-raġel Iżraeli fil-kamra tas-sodda, u nifidhom it-tnejn flimkien, lir-raġel Iżraeli u l-mara taħt żaqqha; u l-flaġell waqaf minn fost ulied Iżrael;

9imma kienu diġà nqerdu erbgħa u għoxrin elf.

10U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

11"Fineħas bin Elgħażar, bin Aron, il-qassis, raġġa' lura l-korla tiegħi minn fuq ulied Iżrael; xegħel bl-għira għal ġieħi fosthom, u ma qridtx lil ulied Iżrael fis-saħna tal-għira tiegħi.

12Għalhekk għidlu: Arani! Jien nagħtih il-patt tiegħi tas-sliem.

13U jkun għalih u għal nislu warajh il-patt tas-saċerdozju għal dejjem għaliex kien għajjur għal Alla tiegħu, u patta għal ulied Iżrael."

14U l-Iżraeli, il-maqtul mal-Midjanija, kien jismu Żimri bin Salu, prinċep ta' familja mit-tribù ta' Simgħon.

15U l-mara Midjanija li qatel kien jisimha Kożbi bint Sur, il-kap ta' dar missirijietu f'Midjan.

16U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

17"Aħbat għall-Midjanin u oqtolhom,

18għax huma ħarbtu lilkom bil-qerq tagħhom u waqqgħukom fil-ġrajja ta' Pegħor, u minħabba oħthom Kożbi, bint il-prinċep ta' Midjan, li baqgħet mejta fi żmien il-flaġell minħabba l-ġrajja ta' Pegħor."

## Numri 26

### Ċensiment tal-poplu

1Wara l-flaġell, il-Mulej kellem lil Mosè u lil Elgħażar, bin Aron il-qassis, u qalilhom:

2"Għoddu l-ġemgħa kollha ta' wlied Iżrael minn għoxrin sena 'l fuq skont id-djar ta' missirijiethom; għoddu lil dawk kollha tajbin għall-gwerra f'Iżrael."

3U Mosè u Elgħażar il-qassis kellmuhom fil-wita ta' Mowab, ħdejn il-Ġordan, biswit Ġeriko, u qalulhom:

4"Għoddu 'l dawk kollha minn għoxrin sena 'l fuq," skont ma kien ordna l-Mulej. Ulied Iżrael li ħarġu mill-Eġittu kienu dawn:

5Ruben, il-kbir ta' Iżrael; ulied Ruben, minn Ħanok, il-familja tal-Ħanokin; minn Pallu, il-familja tal-Palluwin;

6minn Ħesron, il-familja tal-Ħesronin; minn Karmi, il-familja tal-Karmin.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

7Dawn huma l-familji tar-Rubenin, li kienu jlaħħqu tlieta u erbgħin elf, seba' mija
u tletin ruħ.

8Ulied Pallu, Elijab;

9u wlied Elijab: Nemwel, Datan u Abiram; Datan u Abiram, dawk stess li kienu
magħżula mill-ġemgħa, li qamet kontra Mosè u kontra Aron, li flimkien mal-
klikka ta' Koraħ ħaduha mal-Mulej.

10U fetħet l-art fommha u belgħet lilhom u 'l Koraħ, u mietet il-klikka tagħhom,
u n-nar kiel mitejn u ħamsin raġel biex ikunu ta' eżempju.

11Imma wlied Koraħ ma mitux.

12Ulied Simgħon skont il-familji tagħhom: minn Nemwel, il-familja tan-
Nemwelin; minn Ġamin, il-familja tal-Ġaminin; minn Ġakin, il-familja tal-
Ġakinin.

13Minn Żeraħ, il-familja taż-Żeraħin; minn Sawl, il-familja tas-Sawlin.

14Dawn huma l-familja ta' Simgħon, tnejn u għoxrin elf u mitejn ruħ.

15Ulied Gad skont il-familji tagħhom: minn Sefun il-familja tas-Sefunin; minn
Ħaggi, il-familja tal-Ħaggin; minn Suni, il-familja tas-Sunin;

16minn Ożni, il-familja tal-Ożnin; minn Għeri, il-familja tal-Għerin;

17minn Arod, il-familja tal-Arodin; minn Areli, il-familja tal-Arelin.

18Dawn huma l-familji ta' wlied Gad, li kienu jlaħħqu erbgħin elf u ħames mitt
ruħ.

19Ulied Ġuda, Għer u Onan, mietu t-tnejn f'art Kangħan.

20Ulied Ġuda skont il-familji tagħhom kienu dawn: minn Sela, il-familja ta'
Selanin; minn Pereż, il-familja tal-Periżżin; minn Żeraħ, il-familja taż-Żeraħin;

21u wlied Pereż: minn Hesron, il-familja tal-Hesronin; minn Ħamul, il-familja tal-
Ħamulin.

22Dawn huma l-familji ta' Ġuda, li kienu jlaħħqu sitta u sebgħin elf u ħamest mitt
ruħ.

23Ulied Issakar skont il-familji tagħhom kienu dawn: minn Tola', il-familja tat-
Tolagħin; minn Puwa, il-familja tal-Puwin;

24minn Ġasub, il-familja tal-Ġasubin; minn Simron, il-familja tas-Simronin.

25Dawn huma l-familji ta' Issakar, li kienu jlaħħqu erbgħa u sittin elf u tliet mitt
ruħ.


© 2020 Malta Bible Society.

26Ulied Żebulun skont il-familji tagħhom kienu: minn Sared, il-familja tas-Saredin; minn Elon, il-familja tal-Elonin; minn Ġaħlijel, il-familja tal-Ġaħlijelin.

27Dawn huma l-familji taż-Żebulunin, li kienu jlaħħqu sittin elf u ħames mitt ruħ.

28Ulied Ġużeppi skont il-familji ta' Manassi u Efrajm.

29Ulied Manassi: minn Makir, il-familja tal-Makirin; Makir wiled lil Gilgħad, u minn Gilgħad, il-familja tal-Gilgħadin.

30Dawn huma wlied Gilgħad: minn Ijjeżer, il-familja tal-Ijjeżerin: minn Ħelek, il-familja tal-Ħelekin;

31minn Asrijel, il-familja tal-Asrijelin, u minn Sikem, il-familja tas-Sikemin;

32minn Semida', il-familja tas-Semidagħin; minn Ħefer, il-familja tal-Ħefrin.

33Selofħad bin Ħefer ma kellux tfal subien, imma bniet; u l-bniet ta' Selofħad kien jisimhom: Maħla, Nogħa, Ħogla, Milka u Tirsa.

34Dawn huma l-familji ta' Manassi, li kienu jlaħħqu tnejn u ħamsin elf u seba' mitt ruħ.

35Dawn huma wlied Efrajm skont il-familji tagħhom: minn Sutelaħ, il-familja tas-Sutelaħin; minn Beker, il-familja tal-Bekrin; minn Taħan, il-familja tat-Taħanin.

36Dawn huma wlied Sutelaħ: minn Għeran, il-familja tal-Għeranin.

37Dawn huma l-familji ta' wlied Efrajm, li kienu jlaħħqu tnejn u tletin elf u ħames mitt ruħ. Dawn huma wlied Ġużeppi skont il-familji tagħhom.

38Dawn huma wlied Benjamin skont il-familji tagħhom: minn Bela', il-familja tal-Belagħin; minn Asbel, il-familja tal-Asbelin; minn Aħiram, il-familja tal-Aħiramin;

39minn Sefufam, il-familja tas-Sufamin; minn Ħufam, il-familja tal-Ħufamin.

40Ulied Bela' kienu Ard u Nagħman; minn Ard, il-familja tal-Ardin; minn Nagħman, il-familja tan-Nagħamin.

41Dawn huma wlied Benjamin, skont il-familji tagħhom, li kienu jlaħħqu ħamsa u erbgħin elf u sitt mitt ruħ.

42Dawn huma wlied Dan skont il-familji tagħhom: minn Suħam, il-familja tas-Suħamin. Dawn huma wlied Dan skont il-familji tagħhom.

43Il-familji kollha tas-Suħamin, skont l-għadd tagħhom, kienu jlaħħqu erbgħa u sittin elf u erba' mitt ruħ.

44Ulied Aser skont il-familji tagħhom kienu: minn Imna, il-familja tal-Imnin; minn Ġiswi, il-familja tal-Ġiswin; minn Berigħa, il-familja tal-Berigħin.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

45 Minn ulied Berigħa: minn Ħeber, il-familja tal-Ħebrin; minn Malkijel, il-familja tal-Malkijelin.

46 U bint Aser kien jisimha Xaraħ.

47 Dawn kienu l-familji ta' wlied Aser, skont il-familji tagħhom, li kienu jlaħħqu tlieta u ħamsin elf u erba' mitt ruħ.

48 Ulied Naftali skont il-familji tagħhom kienu: minn Ġaħsel, il-familja tal-Ġaħselin; minn Guni, il-familja tal-Gunin;

49 minn Ġeser, il-familja tal-Ġeserin; minn Sillem, il-familja tas-Sillemin.

50 Dawn kienu l-familji ta' Naftali, familja familja, li kienu jlaħħqu ħamsa u erbgħin elf u erba' mitt ruħ.

51 Dawn ulied Iżrael li kienu magħdudin: b'kollox sitt mitt elf u seba' mija u tletin ruħ.

### It-tqassim tal-art

52 U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

53 "Lil dawn qassmilhom l-art b'wirt skont l-għadd ta' ismijiethom.

54 Kulħadd jieħu skont in-nies magħduda tiegħu: tagħti sehem kbir lil min hu ta' għadd kbir, u sehem żgħir lil min hu ta' għadd żgħir.

55 Imma l-art titqassam bix-xorti, u jirtuha skont l-ismijiet tat-tribujiet ta' missirijiethom.

56 Bix-xorti tqassmu l-wirt bejn il-kbir u ż-żgħir."

### L-għadd tal-Leviti

57 Dawn huma l-Leviti magħdudin skont il-familji tagħhom; minn Gersun, il-familja tal-Gersunin; minn Keħat, il-familja tal-Keħatin; minn Merari, il-familja tal-Merarin.

58 Dawn huma l-familji ta' Levi: il-familja tal-Libnin, il-familja tal-Ħebronin, il-familja tal-Maħlin, il-familja tal-Musin, il-familja tal-Koraħin. Keħat wiled lil Għamram.

59 U l-mara ta' Għamram kien jisimha Ġokebed bint Levi, u twelditlu l-Eġittu, u lil Għamram wilditlu, lil Aron, u lil Mosè u Mirjam oħthom.

60 Lil Aron twildulu Nadab, Abiħu, Elgħażar u Itamar.

61 Nadab u Abiħu mietu meta offrew nar profan quddiem il-Mulej.

62 Kienu jlaħħqu tlieta u għoxrin elf ruħ, l-irġiel kollha minn xahar 'il fuq. Ma kinux magħduda ma' wlied Iżrael, għax ebda wirt ma ngħatalhom f'nofs ulied Iżrael.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

63Dan hu għadd ulied Iżrael li Mosè u Elgħażar, il-qassis, għamlu fil-wita ta' Mowab ħdejn il-Ġordan biswit Ġeriko.

64F'dawn il-listi ma kien hemm ebda wieħed minn dawk li kienu għaddew Mosè u Aron, il-qassis, fid-deżert ta' Sinaj;

65għax il-Mulej kien qalilhom li huma kellhom imutu żgur fid-deżert, u anqas wieħed biss minnhom ma baqa' ħaj ħlief Kaleb bin Ġefunni u Ġożwè bin Nun.

# Numri 27

### Il-wirt tan-nisa

1U resqu l-bniet, ulied Selofħad bin Hefer, bin Gilgħad, bin Makir, bin Manassi mit-tribù ta' Manassi bin Ġużeppi, u dawn kien jisimhom: Maħla, Nogħa, Hogla, Milka u Tirsa.

2U ppreżentaw ruħhom quddiem Mosè u quddiem Elgħażar, il-qassis, u quddiem il-kapijiet u l-ġemgħa kollha, fid-daħla tat-tinda tal-laqgħa u qalulhom:

3"Missierna miet fid-deżert, u ma kienx fost dawk li ħaduha kontra l-Mulej mal-klikka ta' Koraħ, imma miet ħtija tiegħu; u subien ma kellux.

4Għala għandu jintemm isem missierna minn fost il-familja tiegħu billi ma kellu ebda tifel? Agħtina biċċa art bħal ħut missierna."

5U Mosè ġieb il-każ tagħhom quddiem il-Mulej.

6U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

7"Sewwa qalu l-bniet ta' Selofħad. Hallihom jirtu bħal ħut missierhom; u l-wirt ta' missierhom għaddih lilhom.

8U kellem lil ulied Iżrael u għidilhom: 'Meta jmut xi ħadd bla ma jħalli wlied subien, għaddu l-wirt tiegħu lil uliedu bniet.

9U jekk ma jkollux bniet, agħtu wirtu lil ħutu.

10U jekk ma jkollux ħutu, agħtu wirtu lil ħut missieru.

11U jekk missieru ma jkollux ħutu, agħtu wirtu lill-eqreb wieħed li jiġi minnu fil-familja tiegħu, u jirtu hu.' " U din tkun il-liġi u d-dritt kif ordna l-Mulej lil Mosè.

### L-għażla ta' Ġożwè

12U l-Mulej qal lil Mosè: "Itla' fuq il-muntanja tal-Għabarin u ħares lejn l-art li se nagħti lil ulied Iżrael.

13U malli taraha, int ukoll tinġabar ma' niesek bħalma nġabar ħuk Aron,


© 2020 Malta Bible Society.

[14]talli ksirtuli kliemi fid-deżert ta' Sin, meta l-ġemgħa ħaditha miegħi, u ma ħaristulix qdusiti quddiemhom ħdejn l-ilma." Dan hu l-ilma ta' Meriba f'Kades fid-deżert ta' Sin.

[15]U Mosè kellem lill-Mulej u qallu:

[16]"Ħa jqiegħed il-Mulej, Alla tal-erwieħ tal-ħajjin kollha, bniedem fuq il-ġemgħa;

[17]bniedem li joħroġ u jidħol quddiemhom, u li joħroġhom u jdaħħalhom, biex ma tkunx il-ġemgħa tal-Mulej bħal merħla bla ragħaj."

[18]U l-Mulej qal lil Mosè: "Ħu lil Ġożwè bin Nun, bniedem ta' spirtu, u qiegħed idek fuqu.

[19]"Imbagħad ġibu quddiem Elgħażar il-qassis, u quddiem il-ġemgħa kollha, u agħtih il-kmand quddiemhom.

[20]U agħtih sehem mill-awtorità tiegħek, biex tisma' minnu l-ġemgħa kollha ta' wlied Iżrael.

[21]U hu jersaq quddiem Elgħażar il-qassis, u dan jistħarreġ f'ismu xi jgħid il-ġudizzju tal-Urim quddiem il-Mulej; għall-kelma tiegħu joħorġu, u għall-kelma tiegħu jidħlu, hu u l-ulied kollha ta' Iżrael miegħu, il-ġemgħa kollha."

[22]U Mosè għamel kulma ordnalu l-Mulej. U ħa lil Ġożwè u ġiebu quddiem Elgħażar il-qassis, u quddiem il-ġemgħa kollha.

[23]U qiegħed idejh fuqu u tah il-kmand skont ma qallu l-Mulej permezz ta' Mosè.

## Numri 28

### Is-sagrifiċċji

[1]U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

[2]"Ordna lil ulied Iżrael u għidilhom: Qisu li toffruli f'waqtha l-offerta li tmissni, l-ikel li għandkom taħarqu quddiemi b'riħa tfuħ.

[3]"U għidilhom: Dan hu s-sagrifiċċju tal-ħruq li għandkom toffru lill-Mulej: ħrief tas-sena u bla difett, tnejn kuljum b'sagrifiċċju tal-ħruq għal dejjem;

[4]ħaruf wieħed toffrih filgħodu u l-ieħor toffrih filgħaxija, bejn dawl u dlam;

[5]offerta ta' waħda minn għaxra ta' efa smid miblul fi kwart ta' ħinn żejt misħuq.

[6]Dan hu s-sagrifiċċju tal-ħruq ta' dejjem li kien offrut fuq il-muntanja Sinaj b'riħa tfuħ maħruq lill-Mulej.

[7]Issawwab fuqu kwart ta' ħinn għal kull ħaruf, u ssawwab lill-Mulej l-inbid safi fil-post imqaddes.


© 2020 Malta Bible Society.

8U t-tieni ħaruf toffrih filgħaxija bejn inżul ix-xemx u d-dlam bl-offerta u l-libazzjoni tiegħu, b'riħa tfuħ lill-Mulej.

9"Fil-jum tas-Sibt toffru żewġt iħrief tas-sena bla difett u tnejn minn għaxra ta' efa smid miblula fiż-żejt bl-offerta u l-libazzjoni tiegħu.

10Dan ikun is-sagrifiċċju tal-ħruq kull nhar ta' Sibt, barra mis-sagrifiċċju tal-ħruq ta' kull jum bil-libazzjoni tiegħu.

11"Kull l-ewwel tax-xahar toffru sagrifiċċju tal-ħruq quddiem il-Mulej: żewġ għoġiela, muntun, sebat iħrief tas-sena, bla difett,

12u offerta ta' tlieta minn għaxra smid miblul fiż-żejt għal kull għoġol, u offerta ta' tnejn minn għaxra smid miblul fiż-żejt għal kull muntun;

13u waħda minn għaxra ta' smid miblul fiż-żejt għal kull ħaruf; sagrifiċċju b'riħa tfuħ maħruq lill-Mulej.

14Il-libazzjonijiet tagħhom ikunu ta' nofs ħinn għal kull għoġol, u waħda minn tlieta ta' ħinn għal kull muntun, u waħda minn erbgħa ta' ħinn ta' nbid għal kull ħaruf. Dan hu s-sagrifiċċju ta' kull xahar, f'kull l-ewwel tax-xahar, fix-xhur kollha tas-sena.

15Joffru wkoll bodbod għall-purifikazzjoni lill-Mulej, barra s-sagrifiċċju tal-ħruq bil-libazzjoni tiegħu.

### Il-festa tal-Għid

16"Fl-ewwel xahar, fl-erbatax tax-xahar, ikun l-Għid tal-Mulej.

17Fil-ħmistax ta' dan ix-xahar issir festa, u għal sebat ijiem jittiekel ħobż bla ħmira.

18L-ewwel jum ikollkom laqgħa mqaddsa; ma tagħmlu ebda xogħol.

19U toffru b'sagrifiċċju tal-ħruq lill-Mulej: żewġ għoġiela, muntun u sebat iħrief tas-sena; u tqisu li jkunu bla difett.

20U l-offerta tagħhom tkun smid miblul fiż-żejt, tlieta minn għaxra ta' efa għall-għoġol, u tnejn minn għaxra għall-muntun,

21u waħda minn għaxra għal kull wieħed mis-sebat iħrief,

22u bodbod għall-purifikazzjoni għall-maħfra tagħkom.

23U dawn toffruhom minbarra s-sagrifiċċju ta' filgħodu ta' kull jum, sagrifiċċju tal-ħruq għal dejjem.

24Hekk tagħmlu kull jum għal sebat ijiem: taħarqu ikel b'riħa tfuħ lill-Mulej, minbarra s-sagrifiċċju tal-ħruq ta' kull jum bil-libazzjoni tiegħu.

25U jkollkom laqgħa mqaddsa fis-seba' jum u ma tagħmlu ebda xogħol.


© 2020 Malta Bible Society.

### Il-festa ta' Għid il-Ħamsin

26“U f'jum il-bikri, meta tagħmlu offerta ġdida lill-Mulej fil-festa tal-ġimgħat, ikollkom laqgħa mqaddsa, u ma tagħmlu ebda xogħol.

27U toffru sagrifiċċju li jogħġob lill-Mulej, żewġ għoġiela, muntun u sebat iħrief tas-sena.

28U offerta tas-smid mibdul fiż-żejt, tlieta minn għaxra ta' efa għal kull għoġol, tnejn minn għaxra għall-muntun,

29u waħda minn għaxra għal kull ħaruf mis-sebat iħrief.

30U bodbod għall-maħfra tagħkom,

31minbarra s-sagrifiċċju ta' kull jum bl-offerta tiegħu u bil-libazzjoni tagħhom, u qisu li jkunu bla difett.

## Numri 29

### Il-festi tal-Ħarifa

1“Fis-seba' xahar, fl-ewwel tax-xahar, ikollkom laqgħa mqaddsa; ma tagħmlu ebda xogħol; ikun għalikom jum iż-żarżir tat-tromba.

2Toffru sagrifiċċju tal-ħruq b'riħa tfuħ lill-Mulej; għoġol, muntun u sebat iħrief tas-sena bla difett;

3bl-offerta ta' tlieta minn għaxra ta' efa smid miblul fiż-żejt għall-għoġol,

4u tnejn minn għaxra għall-muntun, u waħda minn għaxra għal kull ħaruf mis-sebat iħrief.

5U bodbod għall-purifikazzjoni tal-ħtija tagħkom,

6minbarra s-sagrifiċċju tal-ewwel tax-xahar bl-offerta tiegħu, u s-sagrifiċċju ta' kull jum bil-libazzjoni tiegħu maħruq lill-Mulej b'riħa tfuħ skont ir-rit tagħhom.

7Fl-għaxra ta' dan is-seba' xahar ikollkom laqgħa mqaddsa, u tgħakksu lilkom infuskom u ma tagħmlu ebda xogħol;

8u toffru sagrifiċċju tal-ħruq b'riħa tfuħ lill-Mulej; għoġol, muntun u sebat iħrief tas-sena bla difett,

9bl-offerta ta' tlieta minn għaxra ta' efa smid miblul fiż-żejt għall-għoġol, u tnejn minn għaxra għall-muntun,

10u waħda minn għaxra għal kull ħaruf mis-sebat iħrief;

11u toffru bodbod għall-purifikazzjoni tal-ħtija, minbarra s-sagrifiċċju tal-purifikazzjoni bi tpattija, u s-sagrifiċċju ta' kull jum, bl-offerta u l-libazzjonijiet tiegħu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

12“Fil-ħmistax-il jum tas-seba’ xahar ikollkom laqgħa mqaddsa, u ma tagħmlu ebda xogħol, u tagħmlu festa għal sebat ijiem lill-Mulej.

13U toffru sagrifiċċju tal-ħruq b’riħa tfuħ lill-Mulej; tlittax-il għoġol, żewġ imtaten u erbatax-il ħaruf tas-sena bla difett,

14bl-offerta ta’ tlieta minn għaxra minn efa smid miblul fiż-żejt għal kull għoġol mit-tlettax-il għoġol; tnejn minn għaxra għal kull muntun miż-żewġ imtaten;

15u waħda minn għaxra għal kull ħaruf mill-erbatax-il ħaruf.

16U bodbod wieħed għall-purifikazzjoni, minbarra s-sagrifiċċju ta’ kull jum bl-offerta u l-libazzjoni tiegħu.

17“Fit-tieni jum toffru tnax-il għoġol, żewġ imtaten, u erbatax-il ħaruf tas-sena bla difett,

18bl-offerta u l-libazzjonijiet tagħhom għall-għoġiela, għall-imtaten, u għall-ħrief skont l-għadd u r-rit tagħhom;

19bodbod għall-purifikazzjoni bl-offerta u l-libazzjonijiet tiegħu, minbarra s-sagrifiċċju ta’ kull jum bl-offerta u l-libazzjonijiet tiegħu.

20“U fit-tielet jum toffru ħdax-il għoġol, żewġ imtaten u erbatax-il ħaruf tas-sena bla difett,

21bl-offerta u l-libazzjonijiet tagħhom għall-għoġiela, għall-imtaten, għall-ħrief skont l-għadd u r-rit tagħhom.

22U bodbod għall-purifikazzjoni, minbarra s-sagrifiċċju ta’ kull jum bl-offerta u l-libazzjonijiet tagħhom.

23“U fir-raba’ jum toffru għaxar għoġiela, żewġ imtaten u erbatax-il ħaruf tas-sena bla difett

24bl-offerta u l-libazzjonijiet tagħhom għall-għoġiela, għall-imtaten u għall-ħrief skont l-għadd u r-rit tagħhom;

25u bodbod għall-purifikazzjoni, minbarra s-sagrifiċċju ta’ kull jum bl-offerta u l-libazzjoni tagħhom.

26“U fil-ħames jum toffru disa’ għoġiela, żewġ imtaten, erbatax-il ħaruf tas-sena bla difett

27bl-offerta u l-libazzjonijiet tagħhom għall-għoġiela, għall-imtaten u għall-ħrief skont l-għadd u r-rit tagħhom;

28u bodbod għall-purifikazzjoni, minbarra s-sagrifiċċju ta’ kull jum bl-offerta u l-libazzjoni tagħhom.


© 2020 Malta Bible Society.

29“U fis-sitt jum toffru tmien għoġiela, żewġ imtaten, erbatax-il ħaruf tas-sena bla difett,

30bl-offerta u l-libazzjonijiet tagħhom għall-għoġiela, għall-imtaten u għall-ħrief skont l-għadd u r-rit tagħhom;

31u bodbod għall-purifikazzjoni, minbarra s-sagrifiċċju ta’ kull jum bl-offerta u l-libazzjoni tagħhom.

32“U fis-seba’ jum toffru seba’ għoġiela, żewġ imtaten, erbatax-il ħaruf tas-sena bla difett,

33bl-offerta u l-libazzjonijiet tagħhom għall-għoġiela, għall-imtaten u għall-ħrief skont l-għadd u r-rit tagħhom;

34u bodbod għall-purifikazzjoni, minbarra s-sagrifiċċju ta’ kull jum bl-offerta u l-libazzjoni tagħhom.

35“Fit-tmien jum tagħmlu l-laqgħa tal-aħħar; ma tagħmlu ebda xogħol.

36U toffru b’riħa tfuħ lill-Mulej: għoġol, muntun, sebat iħrief tas-sena bla difett,

37bl-offerta u l-libazzjoni tagħhom għall-għoġol, għall-muntun u għall-ħrief skont l-għadd u r-rit tagħhom;

38u bodbod għall-purifikazzjoni, minbarra s-sagrifiċċju ta’ kull jum bl-offerta u l-libazzjoni tagħhom.

39“Dawn huma s-sagrifiċċji li tagħmlu lill-Mulej fil-festi tagħkom minbarra l-wegħdi u l-għotjiet minn rajkom, li tistgħu tagħmlu, ta’ sagrifiċċji tal-ħruq, offerti, libazzjonijiet u sagrifiċċji ta’ sliem.”

## Numri 30

1U Mosè qal lil ulied Iżrael kulma ordnalu l-Mulej.

### Il-wegħdi

2U Mosè kellem lill-prinċpijiet tat-tribujiet ta’ wlied Iżrael u qalilhom: “Dan hu li ordna l-Mulej.

3Jekk xi ħadd jagħmel wegħda lill-Mulej, jew jintrabat b’ġurament, m’għandux jonqos minn kelmtu, imma jagħmel skont ma jkun ħareġ minn fommu.

4U l-mara li tkun għamlet wegħda u ntrabtet meta kienet għadha xebba f’dar missierha,

5u missierha jisma’ bil-wegħda u bl-obbligu li bih tkun intrabtet, u ma jgħidilha xejn, il-wegħdi u l-obbligi li bihom tkun intrabtet jibqgħu sħaħ.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

6Imma jekk missierha jisma’ bil-wegħdi u l-obbligi li bihom tkun intrabtet, u jħassarhom, dawn ma jkunux jiswew aktar, u l-Mulej jaħfrilha għax missierha jkun ħassrilha.

7Jekk tiżżewweġ bil-wegħdi fuqha jew b’xi kelma bla ħsieb, li biha tkun intrabtet,

8u jisma’ żewġha u ma jgħidilha xejn, il-wegħdi u l-obbligi li bihom tkun intrabtet jibqgħu sħaħ.

9Imma meta jisma’ żewġha u jħassrilha l-wegħda li jkollha fuqha u l-kelma bla ħsieb, il-Mulej jaħfrilha.

10Il-wegħda tal-armla u tal-mara mifruda minn żewġha, l-obbligi kollha li jkunu ntrabtu bihom jibqgħu sħaħ.

11“U jekk mara f’dar żewġha tagħmel xi wegħda jew tintrabat b’xi obbligu b’ġurament,

12u jisma’ żewġha u ma jgħid xejn, u ma jħassarhomlhiex, il-wegħda u l-obbligu li tkun intrabtet bihom jibqgħu sħaħ.

13Imma jekk żewġha, meta jisma’ b’kull kelma li tkun ħarġet minn fommha, iħassrilha l-wegħdi u l-obbligi li tkun intrabtet bihom, dawn ma jiswewx aktar. Il-Mulej jaħfrilha, għax żewġha jkun ħassarhomlha.

14“Kull wegħda u kull obbligu b’ġurament li titgħakkes b’xi ħaġa, żewġha jista’ jwettaqhom u żewġha jista’ jħassarhom.

15Imma jekk żewġha ma jgħidilha xejn minn jum għal ieħor, ikun wettaq il-wegħdi kollha tagħha jew l-obbligi kollha li bihom tkun intrabtet; iwettaqhom għax ma jkun qalilha xejn, meta sama’ bihom.

16U jekk iħassarhom wara li jkun sama’ bihom, jitgħabba hu bil-ħtija tagħha.”

17Dawn huma l-kmandamenti li ordnalkom il-Mulej permezz ta’ Mosè bejn ir-raġel u martu, bejn il-missier u bintu, xebba f’dar missierha.

## Numri 31

### Il-gwerra mal-Midjanin

1U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

2“Qis li titħallas mill-Midjanin għal li għamlu lil ulied Iżrael, u mbagħad tinġabar ma’ niesek.”

3U Mosè kellem lill-poplu u qalilhom: “Armaw minn fostkom irġiel għall-gwerra, u jmorru għall-Midjanin, biex jitħallas minnhom il-Mulej;

4ibagħtu elf ruħ minn kull tribù.”

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

5U nġabru mit-tribù ta' Iżrael, elf minn kull tribù, b'kollox tnax-il elf armati għall-gwerra.

6U Mosè bagħathom għat-taqbid, elf ruħ minn kull tribù, lilhom u 'l Fineħas bin Elgħażar il-qassis; bagħathom għat-taqbid, u ħadu magħhom l-oġġetti kkonsagrati u t-trombi f'idejhom għas-sinjali tal-gwerra.

7U tqabdu kontra l-Midjanin kif kien ikkmanda l-Mulej lil Mosè, u qatlu l-irġiel kollha.

8U barra l-maqtulin l-oħra, qatlu wkoll lis-slaten tal-Midjanin: Evi, Rekem, Sur, Ħur, Reba, ħames slaten ta' Midjan; u 'l Balgħam bin Begħor qatluh bix-xabla.

9U wlied Iżrael ħadu priġunieri n-nisa ta' Midjan bit-tfal u l-bhejjem tagħhom kollha, bl-imrieħel u l-ġid kollu tagħhom.

10U taw in-nar lill-ibliet kollha fejn kienu jgħammru u l-irħula tagħhom.

11U qabdu l-priża kollha u kulma ġabru, nies u bhejjem,

12u marru quddiem Mosè u Elgħażar, il-qassis, u l-ġemgħa ta' wlied Iżrael bil-priġunieri u l-priża u l-ġabra fil-kamp, fil-wita ta' Mowab, li tinsab ħdejn il-Ġordan biswit Ġeriko.

13Mosè u Elgħażar, il-qassis, u l-kapijiet kollha tal-ġemgħa, ħarġu jilqgħuhom barra l-kamp.

14Mosè inkorla għall-kmandanti tal-eżerċtu, il-kapijiet tal-eluf, u l-kapijiet tal-mijiet li ġew lura għall-gwerra,

15u qalilhom: "In-nisa kollha ħallejtuhom ħajjin?

16Ma kinux huma li b'kelma minn Balgħam ġibdu lil ulied Iżrael, biex jidinbu kontra l-Mulej fil-ġrajja ta' Pegħor, u saret dik il-qerda fil-ġemgħa tal-Mulej?

17Issa oqtlu t-tfal subien kollha; u n-nisa li kellhom x'jaqsmu ma' rġiel, oqtluhom kollha.

18U żommu għalikom it-tfajliet kollha li ma kellhomx x'jaqsmu ma' rġiel.

19U issa intom oqogħdu barra mill-kamp sebat ijiem; intom ilkoll li qtiltu xi bniedem jew missejtu xi mejjet, u tissaffew fit-tielet u s-seba' jum, intom u l-priġunieri tagħkom.

20U tnaddfu l-ilbies kollu u kull oġġett tal-ġild, u kull oġġett magħmul mix-xagħar tal-mogħoż, u kull oġġett tal-injam."

21U Elgħażar il-qassis, lin-nies tal-eżerċtu, li ġew lura mill-gwerra, qalilhom: "Dan hu li titlob il-liġi li l-Mulej ta lil Mosè:

22id-deheb, il-fidda, il-bronż, il-ħadid, l-istann, u ċ-ċomb,

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

23kull oġġett li jiflaħ għan-nar, tgħadduh min-nar, u jissaffa wara li jkun
imnaddaf bl-ilma tal-purifikazzjoni; u dak li ma jiflaħx għan-nar għadduh mill-
ilma.

24U taħslu ħwejjiġkom fis-seba' jum u titnaddfu, imbagħad tidħlu fil-kamp."

### Il-qasma tal-priża

25U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

26"Għoddu kulma nqabad, nies u bhejjem, int u Elgħażar il-qassis, u l-kapijiet tal-
familji tal-ġemgħa.

27U qassam il-priża bejn il-gwerriera li ħarġu għat-taqbid u l-bqija tal-ġemgħa.

28Erfa' bħala tribut lill-Mulej mingħand kull gwerrier li ħareġ għat-taqbid,
wieħed minn kull ħames mija min-nies, mill-baqar, mill-ħmir, min-nagħaġ.

29Teħodhom min-nofs li jmisshom u tagħtihom lil Elgħażar il-qassis, b'offerta
lill-Mulej.

30"Min-nofs ta' wlied Iżrael tieħu wieħed minn kull ħamsin min-nies, mill-baqar,
mill-ħmir, min-nagħaġ u mill-bhejjem kollha, u tagħtihom lil-Leviti li jieħdu
ħsieb is-servizz tat-tinda."

31U Mosè u Elgħażar għamlu kif ordnalhom il-Mulej.

32U l-fdal tal-priża li kienu qabdu l-gwerriera kien: sitt mija u ħamsa u sebgħin
elf nagħġa,

33tnejn u sebgħin elf baqra,

34wieħed u sittin elf ħmar;

35tnejn u tletin elf mara li qatt ma kellhom x'jaqsmu ma' raġel.

36In-nofs li mess lil dawk li kienu ħarġu jitqabdu kien ta' tliet mija u sebgħa u
tletin elf u ħames mitt nagħġa,

37u minnhom sitt mija u ħamsa u sebgħin tribut lill-Mulej;

38sitta u tletin elf baqra, u minnhom tnejn u sebgħin tribut lill-Mulej;

39tletin elf u ħames mitt ħmar, u wieħed u sittin minnhom tribut lill-Mulej;

40sittax-il elf bniedem, u tnejn u tletin minnhom tribut lill-Mulej.

41U Mosè ta l-offerta tat-tribut lill-Mulej; u taha lil Elgħażar il-qassis, kif kien
ordna l-Mulej lil Mosè.

42In-nofs li kien imiss lil ulied Iżrael, li Mosè kien qasmu min-nofs,

43li kien imiss lill-gwerriera, kien ta' tliet mija u sebgħa u tletin elf u ħames mitt
nagħġa;


© 2020 Malta Bible Society.

44sitta u tletin elf baqra;

45tletin elf u ħames mitt ħmar;

46u nies sittax-il elf.

47Minn dan in-nofs li kien imiss lil ulied Iżrael, Mosè ħa wieħed minn kull ħamsin
min-nies u mill-bhejjem, u tahom lil-Leviti li jservu fis-santwarju tal-Mulej, kif
kien ordna l-Mulej lil Mosè.

48Imbagħad il-kmandanti tal-qtajja' tal-gwerriera, il-kapijiet tal-eluf u l-kapijiet
tal-mijiet resqu quddiem Mosè, kellmuh u qalulu:

49"Aħna, il-qaddejja tiegħek, għaddejna l-gwerriera taħt il-ħakma tagħna, u ma
sibna nieqes ebda wieħed.

50Nagħmlu għalhekk offerta lill-Mulej, mill-oġġetti tad-deheb li kull wieħed
minna sab; brazzuletti, pendenti, ċrieket, imsielet u kullani biex naqilgħu l-
maħfra quddiem il-Mulej."

51U Mosè u Elgħażar il-qassis, ħadu mingħandhom id-deheb maħdum kollu.

52U d-deheb kollu li offrew lill-Mulej bi tribut, mingħand il-kapijiet tal-eluf u l-
kapijiet tal-mijiet, kien ilaħħaq is-sittax-il elf, seba' mija u ħamsin xekel.

53L-irġiel tal-eżerċtu ħadu kull wieħed dak li laħaq ħataf.

54U Mosè u Elgħażar il-qassis, ħadu d-deheb mingħand il-kapijiet tal-eluf u l-
mijiet, u ħaduh fit-tinda tal-laqgħa b'tifkira għal ulied Iżrael quddiem il-Mulej.

## Numri 32

### Il-qasma tat-Trasġordanja

1Ulied Ruben u wlied Gad kellhom kotra kbira sewwa ta' mrieħel, u raw li l-art
ta' Ġagħżer u l-art ta' Gilgħad kienu artijiet tajba għall-imrieħel.

2U wlied Gad u wlied Ruben marru jkellmu lil Mosè u Elgħażar il-qassis, u l-
kapijiet tal-ġemgħa, u qalulhom:

3"Għatarot, Dibon, Ġagħżer, Nimra, Hesbon, Elgħali, Xebam, Nebu u Begħon,

4artijiet li l-Mulej ħarbathom quddiem il-ġemgħa ta' Iżrael, huma artijiet tajba
għall-imrieħel, u aħna l-qaddejja tiegħek għandna l-imrieħel."

5U qalu: "Jekk jogħġbok, agħti lilna, il-qaddejja tiegħek, din l-art biex tkun tagħna
u tgħaddiniex 'l hemm mill-Ġordan."

6U Mosè wieġeb lil ulied Gad u wlied Ruben: "Tajjeb! Imbagħad ħutkom imorru
jitqabdu u intom tibqgħu hawn?


© 2020 Malta Bible Society.

7 Għala tridu taqtgħu qalb ulied Iżrael biex ma jgħaddux għall-art li tahom il-Mulej?

8 Hekk għamlu missirijietkom meta jien bgħatthom minn Kades-barnija biex jaraw l-art.

9 U telgħu sal-wied ta' Eskol, u raw l-art, u qatgħu qalb ulied Iżrael, biex ma jidħlux fl-art li tahom il-Mulej.

10 U xegħlet il-korla tal-Mulej dakinhar, u ħalef u qal:

11 'L-irġiel, li telgħu mill-Eġittu minn għoxrin sena 'l fuq, ma jarawx l-art li jien ħlift li nagħti lil Abraham, 'l Iżakk u 'l Ġakobb, għax ma mxewx warajja b'qalbhom kollha,

12 minbarra Kaleb bin Ġefunni l-Kenażi, u Ġożwè bin Nun, għax dawn imxew wara l-Mulej b'qalbhom kollha.'

13 U l-korla tal-Mulej xegħlet għal Iżrael, u ħalliehom jiġġerrew fid-deżert għal erbgħin sena, sakemm inqerdet il-ġenerazzjoni li għamlet din il-ħsara quddiem il-Mulej.

14 U issa qomtu intom flok missirijietkom, friegħi ta' nies midinba, biex tkomplu żżidu s-saħna tal-qilla tal-Mulej kontra Iżrael.

15 Għaliex jekk terġgħu lura minn warajh, hu jibqa' jżommu fid-deżert, u intom tħarbtu dan il-poplu kollu."

16 Imma huma resqu lejh u qalulu: "Nibnu hawn imqawel għall-imrieħel tagħna u bliet għat-tfal tagħna.

17 U aħna mbagħad naqbdu l-armi, u nimxu qalbiena quddiem ulied Iżrael sa ma ndaħħluhom f'arthom; u t-tfal tagħna jibqgħu fl-ibliet bis-swar minħabba n-nies li jgħammru f'dik l-art.

18 Ma nerġgħux lura lejn djarna qabel ma wlied Iżrael ikunu ħadu f'idejhom kulħadd sehmu.

19 Għaliex ma rridux nieħdu sehem magħhom 'l hemm mill-Ġordan, meta diġà għandna sehem għalina 'l hawn mill-Ġordan in-naħa tal-Lvant."

20 U Mosè weġibhom: "Jekk intom tagħmlu hekk, jekk tarmaw ruħkom u timxu quddiem il-Mulej għat-taqbid,

21 u kull gwerrier minn fostkom jaqsam il-Ġordan quddiem il-Mulej, u jibqa' hemm sakemm ikeċċi l-għedewwa tiegħu minn quddiemu,

22 u l-pajjiż kollu jċedi quddiem il-Mulej, imbagħad intom tkunu tistgħu terġgħu lura, u tinħallu mill-obbligi tagħkom quddiem il-Mulej u wlied Iżrael, u din l-art tkun tagħkom quddiem il-Mulej.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

23U jekk ma tagħmlux hekk, tidinbu quddiem il-Mulej, u kunu afu li l-kastig ta'
dnubkom għad jilħaqkom.

24Ibnu għalikom bliet għat-tfal tagħkom u mqawel għall-imrieħel tagħkom, u
żommu l-wegħda li ħarġet minn fommkom."

25U wlied Gad u wlied Ruben wieġbu lil Mosè u qalulu: "Il-qaddejja tiegħek
jagħmlu kif jordna sidi.

26It-tfal tagħna, in-nisa tagħna, l-imrieħel u l-bhejjem tagħna jibqgħu hawn fl-
ibliet ta' Gilgħad.

27U l-qaddejja tiegħek, kull min jista' jaqbad l-armi, jitilqu għat-taqbid quddiem
il-Mulej, bħalma ordna sidi."

28U Mosè wissa dwarhom lil Elgħażar il-qassis, u lil Ġożwè bin Nun, u l-kapijiet
tal-familji tat-tribujiet ta' wlied Iżrael.

29U Mosè qalilhom: "Jekk ulied Gad u wlied Ruben, ilkoll armati għat-taqbid,
jaqsmu l-Ġordan magħkom quddiem il-Mulej, u intom tirbħu l-art, agħtuhom l-
art ta' Gilgħad, u din tkun tagħhom.

30Imma jekk ma jaqsmux armati għat-taqbid, ikollhom joqogħdu magħkom f'art
Kangħan."

31U wlied Gad u wlied Ruben wieġbu u qalu: "Aħna nagħmlu kulma ordna l-Mulej
lill-qaddejja tiegħek.

32Aħna naqsmu armati quddiem il-Mulej għal art Kangħan, imma jibqa' għalina
s-sehem tagħna 'l hawn mill-Ġordan."

33U Mosè ta lil ulied nofs it-tribù ta' Manassi, ulied Ġużeppi, is-saltna ta' Siħon,
is-sultan tal-Amurrin, u s-saltna ta' Għog, is-sultan ta' Basan; l-art kollha bl-ibliet
u l-inħawi tagħhom.

34U wlied Gad bnew Dibon, Għatarot, Għarogħer,

35Għatrot-Sofan, Ġagħżer, Ġogba,

36Bet-nimra, u Bet-ħaran, bliet bis-swar u mqawel għall-imrieħel.

37U wlied Ruben bnew Hebson u Elgħali, Kirjatajm,

38Nebu u Bagħal-megħon, b'isimhom mibdul, u Xibma; u l-ibliet li bnew tawhom
isimhom.

39U wlied Makir bin Manassi, telqu lejn Gilgħad, ħaduha f'idejhom u keċċew l-
Amurrin li kienu fiha.

40U Mosè ta l-art ta' Gilgħad lil Makir bin Manassi, u bdew jgħammru fiha.

41U Ġajir bin Manassi telaq u ħa l-irħula tagħhom u semmiehom Hawwot-ġajir.


© 2020 Malta Bible Society.

42U Noba telaq u ħa lil Kenat u l-inħawi tagħha u semmieha Noba b'ismu.

## Numri 33

### It-triq ta' wlied Iżrael fid-deżert

1Dawn huma l-postijiet fejn waqfu wlied Iżrael, li ħarġu mill-Eġittu, mqassmin qatgħa qatgħa, taħt it-tmexxija ta' Mosè u Aron.

2U Mosè kiteb il-ġrajja tat-tluq tagħhom skont kull waqfa tagħhom kif ordnalu l-Mulej. Dan hu t-tluq u l-waqfien tagħhom;

3telqu minn Ragħmses fl-ewwel xahar, fil-ħmistax tal-ewwel xahar; l-għada, wara ċ-ċelebrazzjoni tal-Għid, ulied Iżrael ħarġu b'rashom merfugħa quddiem għajnejn l-Eġizzjani;

4waqt li dawn kienu qegħdin jidfnu 'l uliedhom il-kbar li l-Mulej kien laqat; il-Mulej għamel ukoll ħaqq mill-allat tagħhom.

5Telqu wlied Iżrael minn Ragħmses, u waqqfu l-kamp f'Sukkot.

6Telqu minn Sukkot, u waqfu f'Etam, f'tarf id-deżert.

7Telqu minn Etam, daru lejn Piħaħirot, biswit Bagħal-sefon, u waqqfu l-kamp biswit Migdol.

8Telqu minn Piħaħirot u qasmu l-baħar għal ġod-deżert; imxew għal tlitt ijiem fid-deżert ta' Etam; u waqqfu l-kamp f'Mara.

9Imbagħad telqu minn Mara u waslu Elim, fejn kien hemm tnax-il għajn tal-ilma u sebgħin siġra tat-tamar; u hemm waqqfu l-kamp.

10Telqu minn Elim, u waqqfu l-kamp ħdejn il-Baħar tal-Qasab.

11U telqu minn ħdejn il-Baħar tal-Qasab, u waqfu fid-deżert ta' Sin.

12Telqu mid-deżert ta' Sin, u waqfu Dofka.

13U telqu minn Dofka, u waqfu Alus.

14U telqu minn Alus, u waqfu Refidim; u hawn ma kienx hawn ilma għall-poplu x'jixrob.

15U telqu minn Refidim, u waqfu fid-deżert tas-Sinaj.

16U telqu mid-deżert tas-Sinaj, u waqfu Kibrotħattawa.

17U telqu minn Kibrotħattawa, u waqfu Ħaserot.

18U telqu minn Ħaserot, u waqfu Ritma.

19U telqu minn Ritma, u waqfu Rimmon-pereż.


© 2020 Malta Bible Society.

20U telqu minn Rimmon-pereż, u waqqfu l-kamp Libna.

21U telqu minn Libna, u waqfu Rissa.

22U telqu minn Rissa, u waqfu Keħelata.

23U telqu minn Keħelata, u waqfu ħdejn il-muntanja ta’ Sefer.

24U telqu minn ħdejn il-muntanja ta’ Sefer, u waqfu Harada.

25U telqu minn Harada, u waqfu Makelot.

26U telqu minn Makelot, u waqfu Taħat.

27U telqu minn Taħat, u waqfu Teraħ.

28U telqu minn Teraħ, u waqfu Mitka.

29U telqu minn Mitka, u waqfu Ħasmona.

30U telqu minn Ħasmona, u waqfu Moserot.

31U telqu minn Moserot, u waqfu Bene-ġagħkan.

32U telqu minn Bene-ġagħkan, u waqfu Ħor-ħaggidgad.

33U telqu minn Ħor-ħaggidgad, u waqfu Ġotbata.

34U telqu minn Ġotbata, u waqfu Għabrona.

35U telqu minn Għabrona, u waqfu Għesjon-geber.

36U telqu minn Għesjon-geber, u waqfu fid-deżert ta’ Sin, li hu Kades.

37U telqu minn Kades, u waqfu ħdejn il-muntanja tal-Ħor f’tarf l-art ta’ Edom.

38Aron il-qassis tala’ fuq il-muntanja tal-Ħor skont il-kelma tal-Mulej, u miet
hemm, fl-erbgħin sena mill-ħruġ ta’ wlied Iżrael mill-Eġittu, fil-ħames xahar, fl-
ewwel tax-xahar.

39U Aron kellu mija u tlieta u għoxrin sena meta miet fuq il-muntanja tal-Ħor.

40U s-sultan ta’ Arad il-Kangħani, li kien jgħammar fin-Negeb, kien sama’ li waslu
wlied Iżrael.

41Telqu minn ħdejn il-muntanja tal-Ħor, u waqfu Salmona.

42Telqu minn Salmona, u waqfu Punun.

43Telqu minn Punun, u waqfu Obot.

44Telqu minn Obot, u waqfu Għijje-għabarim fi truf Mowab.

45U telqu minn Għijjim, u waqfu Dibon-gad.

46U telqu minn Dibon-gad, u waqfu Għalmon-diblatajm.


© 2020 Malta Bible Society.

47U telqu minn Għalmon-diblatajm u waqqfu l-kamp fuq il-muntanji ta' Għabarim, biswit Nebu.

48Telqu mill-muntanji ta' Għabarim, u waqfu fil-wita ta' Mowab, ħdejn il-Ġordan biswit Ġeriko.

49U waqfu ħdejn il-Ġordan minn Betġesimot sa Abel-sittim, fil-wita ta' Mowab.

### Il-qasma tal-art

50U l-Mulej kellem lil Mosè fil-wita ta' Mowab, ħdejn il-Ġordan, biswit Ġeriko, u qallu:

51"Kellem lil ulied Iżrael u għidilhom: Intom se taqsmu l-Ġordan għall-art ta' Kangħan,

52u tkeċċu minn quddiemkom in-nies kollha li jgħammru hemm, u teqirdu l-idoli minquxa u x-xbihat imdewba kollha tagħhom, u tħottu s-santwarji kollha fuq l-għoljiet.

53Intom tirtu l-art u tgħammru fiha, għax lilkom tajtkom l-art biex tirtuha.

54Tqassam l-art bix-xorti bejn il-familji; il-kbar ikollhom biċċa kbira, iż-żgħar biċċa żgħira, kull waħda tieħu l-art fejn tmissha x-xorti; ikollkom il-wirt tagħkom skont it-tribujiet ta' missirijietkom.

55Jekk intom ma tkeċċux in-nies li jgħammru fl-art minn quddiemkom, dawk li intom tħallu minnhom ikunulkom bħal xewk f'għajnejkom u niggieża f'ġenbejkom, u jkunu l-għedewwa tagħkom fl-art li intom tgħammru fiha.

56U jiġri li dak li jien ħsibt nagħmel lilhom, nagħmlu lilkom."

## Numri 34

### Il-fruntieri

1U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

2"Ordna lil ulied Iżrael u għidilhom: Intom se tidħlu fl-art ta' Kangħan, din hi l-art li se tmisskom: l-art ta' Kangħan bil-fruntieri tagħha.

3"Il-ġenb tan-Nofsinhar jieħu mid-deżert ta' Sin san-naħa ta' Edom; il-fruntiera tan-Nofsinhar tibda minn tarf il-Baħar il-Mielaħ lejn il-Lvant;

4imbagħad tilwi għat-telgħa ta' Għakrabbim u tgħaddi minn Sin, sa ma tasal sa Kades-barnija; minn hemm tibqa' sejra għal Hasar-addar, u tgħaddi minn Għasmon, u

5minn Għasmon iddur mal-wied tal-Eġittu u tasal sal-baħar.


© 2020 Malta Bible Society.

6“Fuq il-fruntiera tal-Punent ikollkom il-Baħar il-Kbir; dan ikun il-fruntiera fuq
din in-naħa.

7“Il-fruntiera fuq in-naħa tat-Tramuntana tkun din: mill-Baħar il-Kbir tibda
lejn il-muntanja tal-Hor;

8minn Hor tibda lejn id-daħla ta’ Hemat, u l-fruntiera tibqa’ sejra sa Sedad,

9mnejn tgħaddi lejn Żifron u tibqa’ sejra sa Hasar-għenan. Din tkunilkom il-
fruntiera tat-Tramuntana.

10“Għall-fruntiera fuq in-naħa tal-Lvant tibda linja minn Hasar-għenan sa
Sefam;

11u din il-fruntiera tibqa’ nieżla minn Sefam sa Ribla fuq il-Lvant tal-Għajn, u
tibqa’ nieżla u tmiss il-ġenb tal-baħar ta’ Kinneret

12in-naħa tal-Lvant, u tibqa’ nieżla mal-Ġordan sal-Baħar il-Mielaħ; din tkun l-
art tagħkom b’dawn il-fruntieri madwarha.”

13U Mosè ordna lil ulied Iżrael u qalilhom: “Din hi l-art li intom għandkom
taqsmu bejnietkom bix-xorti, li l-Mulej ordna li tingħata lid-disa’ tribujiet u nofs;

14għaliex it-tribù ta’ Ruben u t-tribù ta’ wlied Gad, skont l-għadd tal-familji
tagħhom, u nofs it-tribù ta’ Manassi, ħadu sehemhom.

15Żewġ tribujiet u nofs diġà ħadu sehemhom in-naħa l-oħra tal-Ġordan biswit
Ġeriko, in-naħa tal-Lvant.”

16U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

17“Dawn huma l-ismijiet tan-nies li għandhom iqassmulkom l-art: Elgħażar il-
qassis, u Ġożwè bin Nun;

18u tagħżlu prinċep minn kull tribù biex iqassam l-art.

19U dawn huma l-ismijiet tan-nies: mit-tribù ta’ Ġuda, Kaleb bin Ġefunni;

20mit-tribù ta’ wlied Simgħon, Samwel bin Għammiħud;

21mit-tribù ta’ Benjamin, Elidad bin Kislon;

22mit-tribù ta’ wlied Dan, il-prinċep Bukki bin Ġogli;

23mit-tribù ta’ wlied Ġużeppi: mit-tribù ta’ wlied Manassi, il-prinċep Hannijel bin
Efod;

24u mit-tribù ta’ Efrajm, il-prinċep Kemwel bin Siftan;

25u mit-tribù ta’ wlied Żebulun, il-prinċep Elisafan bin Parnak;

26u mit-tribù ta’ wlied Issakar, il-prinċep Paltijel bin Għażżan;


© 2020 Malta Bible Society.

27u mit-tribù ta’ wlied Aser, il-prinċep Aħiħud bin Selomi;

28u mit-tribù ta’ wlied Neftali, il-prinċep Pedaħel bin Għammiħud.

29Dawn huma n-nies li l-Mulej ordna biex iqassmu l-art ta’ Kangħan bejn ulied
Iżrael.”

## Numri 35

### L-ibliet tal-Leviti

1U l-Mulej kellem lil Mosè fil-wita ta’ Mowab ħdejn il-Ġordan, biswit Ġeriko:

2“Ordna lil ulied Iżrael biex jagħtu lil-Leviti bliet minn sehemhom, biex joqogħdu
fihom, u magħhom jagħtuhom għall-mergħa l-art ta’ madwarhom.

3L-ibliet ikunu biex joqogħdu fihom u l-art ta’ madwarhom għall-bhejjem, għall-
ġid tagħhom u bżonnijiet oħra tal-ħajja.

4L-art ta’ madwar l-ibliet, li tagħtu lil-Leviti mis-swar ’il barra, tkun ta’ elf driegħ
dawramejt.

5Fuq in-naħa tal-Lvant tkejlu elfejn driegħ minn nofs il-belt, elfejn driegħ in-
naħa ta’ Nofsinhar, elfejn driegħ in-naħa tat-Tramuntana, u elfejn driegħ in-naħa
tal-Punent, bil-belt fin-nofs; din tkun l-art għalihom madwar l-ibliet.

6“L-ibliet li tagħtu lil-Leviti jkunu s-sitt ibliet tal-kenn, fejn min joqtol jista’
jistkenn fihom, u magħhom tagħtu wkoll tnejn u erbgħin oħra.

7B’kollox tagħtu lil-Leviti tmienja u erbgħin belt bl-art ta’ madwarhom.

8U meta tiġu biex tagħtu l-ibliet lil-Leviti mill-wirt ta’ wlied Iżrael, tieħdu ħafna
mingħand min għandu ħafna, u ftit minn min għandu ftit; kulħadd jagħti mill-
ibliet tiegħu skont is-sehem li jmissu.”

### L-ibliet tal-kenn

9U l-Mulej kellem lil Mosè u qallu:

10“Kellem lil ulied Iżrael u għidilhom: Intom se taqsmu għan-naħa l-oħra tal-
Ġordan fl-art ta’ Kangħan.

11Tagħżlu xi bliet tal-kenn, fejn il-qattiel li jkun qatel lil xi ħadd bla ma jkun irid,
ikun jista’ jistkenn.

12Dawn l-ibliet iservu ta’ kenn minħabba l-eqreb bniedem lejn il-mejjet bid-dritt
tal-vendetta, u l-qattiel ma jmutx qabel ma jressquh quddiem il-ġemgħa għall-
ġudizzju.

13Sitta jkunu dawn l-ibliet tal-kenn li tagħżlu:

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

14tlieta tagħżluhom in-naħa l-oħra tal-Ġordan, u t-tlieta l-oħra fl-art ta' Kangħan,
bliet tal-kenn.

15Dawn is-sitt ibliet tal-kenn iservu għal ulied Iżrael, għall-barrani u għal min
jgħix f'nofskom, biex fihom jistkenn kull min ikun qatel lil xi ħadd bla ma ried.

16"Jekk ikun darbu b'xi ħaġa tal-ħadid, u dak imut, ikun ħati ta' qtil, u jagħtuh il-
mewt.

17Jekk ikun darbu b'ġebla tal-iżbandola li biha wieħed jista' jmut, u jmut, ikun
ħati ta' qtil, u l-qattiel jagħtuh il-mewt.

18U jekk ikun darbu b'għuda f'idu li biha wieħed jista' jmut, u jmut, ikun ħati ta'
qtil, u l-qattiel jagħtuh il-mewt.

19L-eqreb lejn il-mejjet jitħallas hu minn demmu, u joqtol lill-qattiel hu stess
meta jiltaqa' miegħu.

20"Jekk xi ħadd jolqot lil xi ħaddieħor b'mibegħda, jew iwaddablu xi ħaġa għax
irid u jmut,

21jew jekk jidorbu b'idejh għax għadu tiegħu u jmut, lil min darbu jagħtuh il-
mewt, għax ikun ħati ta' qtil; u l-qarib tal-mejjet li għandu l-jedd li jitħallas minn
demmu, joqtlu hu meta jiltaqa' miegħu.

22"Imma jekk ikun darbu bla ħsieb, bla mibegħda, jew waddablu xi ħaġa bla ma
jkun ried:

23jew bla ma jkun rah tefagħlu xi ġebla li biha seta' jmut, u jmut, mingħajr ma
jkun l-għadu tiegħu jew ikun irid jagħmillu d-deni,

24tagħmel ġustizzja l-ġemgħa bejn il-qattiel u qarib il-mejjet bil-jedd tal-
vendetta ta' demmu skont dawn il-liġijiet.

25Il-ġemgħa teħles il-qattiel minn id qarib il-mejjet u tibagħtu lura fil-belt tal-
kenn fejn ikun stkenn, u jibqa' hemm sakemm imut il-qassis il-kbir ikkonsagrat
biż-żejt imqaddes.

26Imma jekk il-qattiel joħroġ minn truf il-belt tal-kenn tiegħu,

27u l-qarib, li għandu l-jedd tal-vendetta, isibu barra l-belt tal-kenn u joqtlu, dan
ma jkunx ħati ta' demmu;

28għax il-qattiel għandu jibqa' fil-belt tal-kenn sal-mewt tal-qassis il-kbir
ikkonsagrat, u mbagħad jista' jerġa' lura fl-art tiegħu.

29"Dawn il-liġijiet għall-ġustizzja jseħħu għall-ġenerazzjonijiet kollha u kull fejn
tgħammru.

30"Kull min joqtol lil xi ħadd, jagħtuh il-mewt fuq kliem ix-xhieda; xhud wieħed
ma jkunx biżżejjed biex joqtlu bniedem.


© 2020 Malta Bible Society.

31“Tiħdux flus biex teħilsu qattiel mill-mewt, għax hu jistħoqqlu l-mewt, u għandu jmut.

32Lanqas ma għandkom tieħdu flus għal dak li jkun stkenn fil-belt tal-kenn, biex jerġa' jmur f'artu qabel ma jmut il-qassis il-kbir.

33“La ttebbax l-art li intom tkunu fiha, għax id-demm itebba' l-art u ma titnaddafx mid-demm imxerred fuqha ħlief bid-demm ta' min ikun xerrdu.

34Tniġġsux l-art li tgħammru fiha għax jien ngħammar ukoll fiha: Jiena l-Mulej li ngħammar f'nofs ulied Iżrael.”

## Numri 36

### Wirt in-nisa

1Il-kapijiet tal-familji tal-fergħa ta' wlied Gilgħad bin Makir, bin Manassi, waħda mill-friegħi ta' wlied Ġużeppi, resqu quddiem Mosè u quddiem il-prinċpijiet, il-kapijiet tal-familji ta' wlied Iżrael,

2u qalulhom: “Il-Mulej ordna lil sidi biex iqassam bix-xorti l-art lil ulied Iżrael, u l-Mulej ordna wkoll lil sidi li l-wirt ta' Selofħad, ħuna, jgħaddi lil uliedu bniet.

3Issa jekk jiżżewġu lil wieħed minn xi tribù ieħor ta' wlied Iżrael, il-ġid tagħhom jonqos mill-ġid ta' missirijietna, u jiżdied il-ġid tat-tribù li jkunu daħlu fih, u jonqos minn dawk li missna bix-xorti.

4U meta wlied Iżrael ikollhom il-ġublew, il-wirt tagħhom jiżdied mal-ġid tat-tribù li jkunu daħlu fiha, u l-ġid tat-tribù tagħna jonqos b'sehemhom.”

5Imbagħad Mosè bl-ordni tal-Mulej ordnalhom dan: “It-tribù ta' wlied Ġużeppi għandhom raġun.

6Dan hu li jordna l-Mulej dwar l-ulied bniet ta' Selofħad: Ħa jiżżewġu lil min jogħġobhom, basta jiżżewġu f'xi familja tat-tribù ta' missirijiethom.

7Ebda wirt ta' wlied Iżrael ma jgħaddi minn tribù għal ieħor, għaliex ulied Iżrael għandhom jibqgħu marbutin kull wieħed mal-wirt tat-tribù ta' missirijiethom.

8Għalhekk kull tfajla, li tiret xi ġid f'xi tribù ta' Iżrael, għandha tiżżewweġ f'xi familja tat-tribù ta' missirijietha, biex ulied Iżrael jirtu kull wieħed il-ġid ta' missirijietu;

9u l-proprjetà ma tgħaddix minn tribù għal ieħor, u hekk kull tribù jibqa' marbut ma' sehmu.”

10L-ulied bniet ta' Selofħad għamlu bħalma ordna Mosè.

11U Maħla, Tirsa, Hogla, Milka u Nogħa, ulied Selofħad, iżżewġu wlied zijiethom;


© 2020 Malta Bible Society.

12iżżewġu għand il-familji ta' Manassi bin Ġużeppi, u hekk il-wirt tagħhom baqa'
fil-familja ta' missierhom.

13Dawn huma l-ordnijiet u l-liġijiet li ta lil ulied Iżrael il-Mulej permezz ta' Mosè
fil-witat ta' Mowab, ħdejn il-Ġordan biswit Ġeriko.


© 2020 Malta Bible Society.

# Dewteronomju 1

### Dħul il-ktieb

1Dan hu l-kliem li Mosè qal lil ulied Iżrael kollu n-naħa l-oħra tal-Ġordan, fid-deżert tal-Għaraba, li jiġi biswit Suf, bejn Faran minn naħa u bejn Tofel, Laban, Ħaserot u Diżaħab mill-oħra;

2ħdax-il jum mixi 'l bogħod minn Ħoreb sa Kades-barnigħa mit-triq tal-muntanja Xegħir.

3Fis-sena erbgħin, fl-ewwel tal-ħdax-il xahar, Mosè kellem lil Iżrael kollu skont kulma ordnalu l-Mulej għalihom,

4wara li kien għeleb lil Siħon, is-sultan tal-Amurrin, li kien joqgħod f'Ħesbon, u lil Għog, sultan ta' Basan, li kien joqgħod f'Għastarot u f'Edregħi.

5In-naħa l-oħra tal-Ġordan, fl-art ta' Mowab, Mosè beda jfisser din il-liġi u jgħid:

### L-ewwel diskors: ħarsa lejn il-ġrajja ta' qabel

6"Il-Mulej Alla tagħna kellimna f'Ħoreb u qalilna: 'Qgħadtu biżżejjed f'din il-muntanja.

7Duru u itilqu; idħlu fil-muntanji tal-Amurrin u fl-inħawi tagħhom kollha, fl-Għaraba, fl-għoljiet, fil-witat u fin-Negeb, f'xatt il-baħar, fl-art tal-Kangħanin, u fil-Libanu, sax-xmara l-kbira tal-Ewfrat.

8'Jien tlaqt l-art f'idejkom; idħlu u ħudu l-art li l-Mulej ħalef lil missirijietkom, lil Abraham, lil Iżakk, lil Ġakobb, li jagħtiha lilhom u lil nisilhom warajhom.'

9Dak iż-żmien għedtilkom: 'Ma niflaħx irreġikom waħdi.

10Il-Mulej, Alla tagħkom, kattarkom bil-bosta; u intom illum kotrana bħall-kwiekeb tas-sema.

11Jalla l-Mulej, Alla ta' missirijietkom, ikattarkom għal elf darba, u jberikkom kif qalilkom.

12Kif nista' jien waħdi nitgħabba bil-piż tagħkom, u t-tilwim tagħkom?

13Ġibuli mit-tribujiet tagħkom irġiel għorrief, dehnin u magħrufin, u jien nagħtihom is-setgħa fuqkom.'

14"U intom weġibtuni u għedtuli: 'Sewwa li qiegħed tgħidilna, nagħmluh.'

15"Għalhekk ħadt il-prinċpijiet tat-tribujiet tagħkom, irġiel għorrief u magħrufin, u qegħedthom kapijiet fuqkom, kapijiet tal-eluf u kapijiet tal-mijiet, kapijiet tal-ħamsinijiet, u kapijiet tal-għaxriet u uffiċjali oħra għat-tribujiet tagħkom.


© 2020 Malta Bible Society.

16“U dak iż-żmien wissejt lill-imħallfin u għedtilhom: ‘Isimgħu lil ħutkom, u agħmlu l-ħaqq bis-sewwa bejn bniedem u ħuh, u bejnu u l-barrani.

17Tħarsux lejn l-uċuħ meta tagħmlu l-ħaqq, isimgħu ż-żgħir u l-kbir l-istess. Tibżgħu minn ħadd, għax il-ħaqq f’idejn Alla. Meta jkollkom xi kwistjoni tqila, ġibuha quddiemi u nismagħha jien.’

18“Dak iż-żmien jien tajtkom l-ordnijiet u għedtilkom kulma għandkom tagħmlu.

### F’Kades-barnigħa

19“Imbagħad tlaqna minn Horeb u qsamna dak id-deżert kollu, deżert kbir iwaħħxek, li intom rajtu. Għaddejna mit-triq li tieħu għall-muntanji tal-Amurrin, bħalma kien ordnalna l-Mulej, Alla tagħna, u wasalna Kades-barnigħa.

20“U għedtilkom: ‘Wasaltu fl-għoljiet tal-Amurrin li l-Mulej, Alla tagħna, se jagħtina:

21Ara, tak il-Mulej, Alla tiegħek, l-art f’idejk; itla’ u ħudha f’idejk skont ma wiegħdek il-Mulej, Alla ta’ missirijietek. Tibżax u taqtax qalbek.’

22“U intom ersaqtu lkoll lejja u għedtuli: ‘Ħa nibagħtu qabilna nies biex jitkixxfulna l-art, u jgħarrfuna t-triq, li għandna nitilgħu minnha, u l-ibliet li se mmorru fihom.’

23Dan il-kliem għoġobni, u għażilt minn fostkom tnax-il raġel, wieħed minn kull tribù.

24U marru u telgħu l-għoljiet u waslu sa wied Eskol, u tkixxfu l-art.

25U ħadu f’idejhom mill-frott tal-art u ġabuhulna, u tawna l-aħbar u qalulna: ‘Tajba l-art li se jagħtina l-Mulej, Alla tagħna.’

26Imma intom ma ridtux titilgħu, u ħadtuha kontra l-kelma tal-Mulej, Alla tagħkom.

27U bdejtu tgergru fit-tined tagħkom u tgħidu: ‘Għax jobgħodna l-Mulej ħariġna mill-Eġittu biex jerħina f’idejn l-Amurrin, u jeqridna.

28Fejn se nitilgħu aħna? Hutna qatgħulna qalbna u qalulna: Hemm poplu kbir u nies itwal minna; bliet kbar u mdawra bi swar għoljin sas-smewwiet; u saħansitra rajna hemmhekk ulied Għanak.’

29“Jien għedtilkom: ‘Titwerwrux, u titbeżżgħux minnhom.

30Il-Mulej, Alla tagħkom, jimxi quddiemkom, u hu stess jitqabad għalikom bħalma għamel magħkom fl-Eġittu quddiem għajnejkom.

31U bħalma għamel fid-deżert, fejn rajtu kif il-Mulej, Alla tagħkom, refagħkom bħalma bniedem jerfa’ lil ibnu, fit-triq kollha li mxejtu sakemm wasaltu hawn.’

32“Imma intom, madankollu, ma ridtux tafdaw fil-Mulej, Alla tagħkom,

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

33li kien jimxi quddiemkom fit-triq, ifittxilkom post fejn tistrieħu. Billejl kien jidher fin-nar biex jurikom it-triq li kellkom tgħaddu minnha, u binhar fis-sħaba.

34"Il-Mulej sama' kliemkom, u xegħel bil-korla, u ħalef u qal:

35'Ħadd minn dawn in-nies ta' dan in-nisel ħażin ma jara l-art tajba li jien ħlift li nagħti lil missirijietkom,

36ħlief Kaleb bin Ġefunni. Dan biss jaraha, u lilu nagħti l-art li rifes, u lil uliedu, għax żamm sħiħ mal-Mulej.'

37"Minħabba fikom il-Mulej ħadha kontra tiegħi wkoll u qal: 'Lanqas int ma tidħol hemm.

38Jidħol Ġożwè bin Nun, li qiegħed iservik. Qawwilu qalbu, għax hu għad iqassam l-art lil Iżrael.

39U t-tfal iż-żgħar tagħkom li intom għedtu se jaqgħu priża, uliedkom, li llum la jafu t-tajjeb u lanqas il-ħażin, jidħlu huma, u lilhom nagħtiha, u huma jirtuha.

40Intom ikollkom idduru u tiġbdu lejn id-deżert mat-triq tal-Baħar tal-Qasab.'

41"U intom weġibtu u għedtuli: 'Dnibna kontra l-Mulej. Nitilgħu u nitqabdu skont ma ordnalna l-Mulej, Alla tagħna.' U mbagħad ilkoll tħażżimtu bl-armi tal-gwerra u ħsibtuha ħaġa ħafifa li titilgħu l-muntanja.

42"Imma l-Mulej qalli: 'Għidilhom: Titilgħu xejn u titqabdux, għaliex jien m'iniex f'nofskom, li ma jegħlbukomx l-għedewwa tagħkom.'

43U jien kellimtkom, u ma smajtux, u ħadtuha kontra l-kelma tal-Mulej, u għamiltuha ta' prużuntużi, u tlajtu l-muntanja.

44U ħarġu l-Amurrin li kienu jgħammru fuq il-muntanja, u ġrew warajkom bħan-naħal, u għamlukom bċejjeċ minn Xegħir sa Ħorma.

45"Erġajtu lura u bkejtu quddiem il-Mulej, u l-Mulej ma semax leħinkom u ma takomx widen.

46U hekk intom bqajtu f'Kades-barnigħa għal ħafna żmien, iż-żmien kollu li bqajtu hemm.

## Dewteronomju 2

### Il-mixja fid-deżert

1"U dorna lura u tlaqna għad-deżert mat-triq tal-Baħar tal-Qasab, bħalma qalli l-Mulej, u bqajna niġġerrew mal-muntanja ta' Xegħir għal ħafna żmien.

2"U l-Mulej kellimni u qalli:

3'Ilkom tiġġerrew biżżejjed ma' dawn il-muntanji, duru lejn it-Tramuntana.


© 2020 Malta Bible Society.

4Agħti lill-poplu din l-ordni: Intom se taqsmu l-art ta' ħutkom, ulied Għesaw, li
jgħammru f'Xegħir. Huma jibżgħu minnkom, iżda intom oqogħdu attenti ħafna.

5Taħbtux għalihom, għax ma nagħtikom xejn minn arthom, anqas daqs rifsa ta'
riġel, għax il-muntanja ta' Xegħir tajtha b'wirt lil Għesaw.

6L-ikel li tieklu tixtruh minn għandhom bil-flus, u hekk ukoll l-ilma li tixorbu.

7Għax il-Mulej, Alla tiegħek, bierkek f'kull xogħol ta' idejk; ħa ħsiebek fi triqtek
f'dan id-deżert kbir; għal dawn l-aħħar erbgħin sena l-Mulej Alla tiegħek kien
miegħek, u f'xejn ma naqsek.'

8"U għaddejna għalhekk 'il bogħod minn ħdejn ħutna, ulied Għesaw, li jgħammru
f'Xegħir, mit-triq tal-Għaraba, minn Elat, u minn Għesjon-geber, u mbagħad
ilwejna u qbadna t-triq li tieħu għad-deżert ta' Mowab.

9"U l-Mulej qalli: 'La taħbatx għal Mowab; la titqabadx u tiġġelidx magħhom;
għax m'iniex se nagħtik b'wirt art minn tagħhom; l-art ta' Għar tajtha b'wirt lil
ulied Lot.'

10Qabilhom kienu jgħammru hemm l-Emin, poplu kbir u kotran, u twal bħall-
Għanakin.

11Kienu jqisuhom bħar-Refajin, li kienu wkoll bħall-Għanakin, imma l-Mowabin
isejħulhom Emin.

12Qabel f'Xegħir kienu għammru l-Ħorin, imma keċċewhom ulied Għesaw, u
qerduhom u daħlu flokhom, bħalma għamel Iżrael, bl-art li għandu f'idejh, l-art
li tahom il-Mulej.

13'Issa, qumu u aqsmu l-wied ta' Żered', u qsamna l-wied ta' Żered.

14"Iż-żmien li ħadna biex imxejna minn Kades-barnigħa sa ma qsamna l-wied ta'
Żered kien ta' tmienja u tletin sena, sakemm ma ntemmx minn nofs il-kamp in-
nisel ta' dawk in-nies gwerriera, bħalma kien ħalef il-Mulej.

15U id il-Mulej kienet fuqhom u qerdithom minn nofs il-kamp sa ma ntemmu
għalkollox.

16"Meta l-gwerriera kienu mietu u ntemmu minn fost il-poplu,

17il-Mulej kellimni u qalli:

18'Illum int se taqsam minn Għar, il-fruntiera ta' Mowab,

19u toqrob lejn ulied Għammon; taħbatx għalihom u titqabadx magħhom, għax
ma tajtek ebda art mill-art ta' Għammon biex tkun tiegħek, għax tajtha biex
jirtuha lil ulied Lot.'

20Din l-art iqisuha wkoll art ir-Refajin, għax qabel kienu jgħammru fiha huma,
imma l-Għammonin isejħulhom Żamżummin,


© 2020 Malta Bible Society.

21nies kbar u kotrana, twal bħall-Għanakin; il-Mulej iżda qeridhom malli l-Għammonin tfaċċaw quddiemhom; keċċewhom u daħlu flokhom;

22bħalma għamel għal ulied Għesaw, li jgħammru f'Xegħir, meta qered il-Ħorin minn quddiemhom, u huma keċċewhom, u daħlu flokhom, u għadhom hemm sal-lum.

23U l-Kaftorin, li ħarġu minn Kaftor, qerdu lil Għawwin, li kienu jgħammru fl-irħula sa Gaża, u daħlu flokhom.

24" 'Isaw, itilqu, aqsmu l-wied tal-Arnon. Ara, jien tajtek f'idek lil Siħon, is-sultan ta' Ħesbon l-Amurri, bl-art tiegħu. Idħol fiha u agħmillu gwerra.

25Minn dan il-jum jiena nġiegħel lill-ġnus kollha taħt is-sema jitriegħdu u jitwerwru quddiemek; malli jisimgħu b'aħbarek jitriegħdu, u jinħallu quddiemek.'

### Rebħa fuq Siħon u Għog

26"Jien bgħatt messaġġiera mid-deżert ta' Kedemot għand Siħon, sultan ta' Ħesbon, jgħidulu bil-kwiet;

27'Ħallini ngħaddi minn artek; nibqa' dejjem miexi dritt mat-triq, bla ma nilwi lejn il-lemin jew lejn ix-xellug.

28Tbegħli bil-flus l-ikel li niekol, u tagħtini l-ilma li nixrob bil-flus, basta tħallini ngħaddi bil-mixi,

29bħalma għamlu miegħi wlied Għesaw li jgħammru f'Xegħir, u l-Mowabin li jgħammru f'Għar, sakemm naqsam il-Ġordan għall-art li l-Mulej, Alla tagħna, se jagħtina.'

30Iżda Siħon, is-sultan ta' Ħesbon, ma riedx li ngħaddu minn għandu, għax il-Mulej, Alla tiegħek, stinalu rasu u webbislu qalbu, biex jagħtih f'idek bħalma hu llum.

31"U l-Mulej qalli: 'Arani, jien bdejt nerħi f'idejk lil Siħon u 'l artu. Idħol fiha biex tieħu artu f'idek.'

32U Siħon ħareġ għalina, hu u l-poplu tiegħu kollu, sa Ġaħas biex jitqabad magħna.

33"U l-Mulej, Alla tagħna, irħieh f'idejna, u qtilna lilu, 'l uliedu u l-poplu tiegħu kollu.

34Ħadna dak iż-żmien l-ibliet kollha tiegħu, u qridna għalkollox in-nies bin-nisa u t-tfal kollha, u ma ħallejna lil ħadd ħaj.

35Żammejna għalina l-bhejjem u l-priża tal-ibliet li ħadna.


© 2020 Malta Bible Society.

36Minn Għarogħer, li qiegħda ma' xifer il-wied tal-Arnon, u l-belt li qiegħda fil-
wied sa Gilgħad, ma kienx hemm belt li ma stajniex negħlbuha; ilkoll erħiehom
f'idejna l-Mulej, Alla tagħna.

37Biss ma rsaqtx lejn l-art tal-Għammonin, il-medda kollha tal-wied ta' Ġabbok,
u l-ibliet tal-għolja, kollox skont ma kien ordna l-Mulej, Alla tagħna.

## Dewteronomju 3

### Ir-rebħa fuq Għog

1"Imbagħad ilwejna u bqajna mexjin mat-triq ta' Basan; u Għog, sultan ta' Basan,
ħareġ għalina, hu u l-poplu tiegħu kollu, biex jitqabad magħna f'Edregħi.

2"U l-Mulej qalli: 'La tibżax minnu. Jien erħejtu f'idek, lilu u l-poplu tiegħu kollu,
u l-art kollha tiegħu, u nagħmel miegħu dak li għamilt ma' Siħon, is-sultan tal-
Amurrin, li jgħammar f'Hesbon.'

3"U l-Mulej, Alla tagħna, tana wkoll f'idejna lil Għog, sultan ta' Basan, u l-poplu
tiegħu kollu; qtilnieh u ma ħallejnielu lil ħadd ħaj.

4Dakinhar għelibna l-ibliet tiegħu kollha, u ma kienx hemm belt li ma qbadnihiex
minn idejhom, sittin belt, l-inħawi kollha ta' Argob, is-saltna kollha ta' Għog
f'Basan.

5Dawn kienu kollha bliet iffortifikati, swar għolja, bwieb u staneg, barra l-ħafna
bliet miftuħa.

6Qridniehom bħalma għamilna 'l Siħon, sultan ta' Hesbon; qridna l-ibliet kollha,
irġiel, nisa u tfal.

7Għalina żammejna biss il-bhejjem u l-priża.

8"Dak iż-żmien ħadna l-art minn idejn iż-żewġ slaten tal-Amurrin in-naħa l-oħra
tal-Ġordan, mill-wied tal-Arnon sal-muntanja Hermon -

9is-Sidonin isejħu 'l Hermon Sirjon, u l-Amurrin isejħulha Xenir -

10l-ibliet kollha tal-wita fl-għoljiet, Gilgħad kollu, u Basan sa Saleka u Edregħi,
bliet ta' Għog f'Basan.

11Mill-bqija tar-Refajin kien baqa' waħdu Għog, is-sultan ta' Basan; it-tebut
tiegħu tal-ħadid, li għadu jinsab f'Rabbat tal-Għammonin, hu twil disat idriegħ u
erbgħa wiesa' skont id-driegħ ta' raġel.

### It-tqassim tal-art

12"Din hi l-art, mela, li ħadna dak iż-żmien: minn Għarogħer, li qiegħda fuq il-
wied tal-Arnon, u nofs il-muntanji ta' Gilgħad bl-ibliet tagħhom, u tajthom lir-
Rubenin u lill-Gadin.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

13Il-bqija ta' Gilgħad u Basan kollu, is-saltna ta' Għog, tajtha lil nofs it-tribù ta'
Manassi, jiġifieri n-naħa kollha ta' Argob, l-art kollha ta' Basan li jsejħulha art ir-
Refajin.

14"Ġajir bin Manassi ħa n-naħa kollha ta' Argob, f'Basan, sa truf il-Gesurin u l-
Magħkatin, u semmieha b'ismu, Ħawwat-ġajir, sal-lum.

15Lil Makir tajtu 'l Gilgħad.

16Lir-Rubenin u 'l Gadin tajthom minn Gilgħad sal-wied tal-Arnon bil-fruntiera
f'nofs il-wied, sal-wied ta' Ġabbok, fi truf l-art tal-Għammonin;

17u l-Għaraba u l-Ġordan u l-medda kollha minn Kinneret sal-Baħar tal-Għaraba,
il-Baħar il-Mielaħ, taħt ix-xaqliba tal-Pisga, in-naħa tal-Lvant.

18"F'dak iż-żmien tajtkom din l-ordni: 'Il-Mulej, Alla tagħkom, riedkom tieħdu
f'idejkom din l-art; mela intom, in-nies armati u kemm hemm fostkom nies ta'
ħila, tgħaddu lkoll qabel ħutkom ulied Iżrael;

19u jibqgħu biss fl-ibliet li tajtkom in-nisa u t-tfal u l-imrieħel tagħkom - għax naf
li għandkom ħafna mrieħel -

20sakemm il-Mulej jagħti l-mistrieħ lil ħutkom bħalkom, u huma wkoll jieħdu
taħt idejhom l-art li l-Mulej, Alla tagħkom, se jagħtihom in-naħa l-oħra tal-
Ġordan; u mbagħad terġgħu lura, kull wieħed lejn l-art tiegħu, li jiena tajtkom.'

21"Lil Ġożwè f'dak iż-żmien wissejtu u għedtlu: 'Rajt b'għajnejk x'għamel il-
Mulej, Alla tagħkom, lil dawk iż-żewġ slaten; hekk jagħmel il-Mulej lis-saltniet
kollha, li int sejjer fihom.

22Tibżax minnhom, għax il-Mulej, Alla tagħkom, jitqabad għalikom.'

### Mosè ma jidħolx f'Kangħan

23"Dak iż-żmien tlabt ħniena lill-Mulej u għedtlu:

24'Sidi Mulej, int bdejt turi lill-qaddej tiegħek il-kobor tiegħek u l-qawwa ta'
driegħek; għax liema alla hemm fis-sema u fl-art li jista' jagħmel opri bħal
tiegħek u għandu l-ħila tiegħek?

25Ħa naqsam in-naħa l-oħra u nara din l-art tajba li qiegħda n-naħa l-oħra tal-
Ġordan, dawn il-muntanji sbieħ u l-Libanu.'

26"Iżda l-Mulej inkorla għalija minħabba fikom, u ma semagħnix u qalli:
'Biżżejjed, tkellimnix aktar fuq dan.

27Itla' fuq il-quċċata tal-Pisga u erfa' għajnejk lejn il-Punent u t-Tramuntana, lejn
in-Nofsinhar u l-Lvant, u ara b'għajnejk, għax m'intix se taqsam il-Ġordan.

28Agħti l-kmand lil Ġożwè, qawwilu u saħħaħlu qalbu, għax hu se jgħaddi
quddiem dan il-poplu, u jagħtihom l-art li tara.'


© 2020 Malta Bible Society.

[29]"U qgħadna fil-wied, biswit Bet-pegħor.

## Dewteronomju 4

### Il-ħarsien tal-liġi ta' Alla

[1]"U issa, Iżrael, agħti widen għal-liġijiet u l-ordnijiet li qiegħed ngħallimkom tagħmlu, ħalli tgħixu, u tidħlu tieħdu l-art li se jagħtikom il-Mulej, Alla ta' missirijietkom.

[2]La żżidu xejn ma' dak li qiegħed nordnalkom u lanqas tnaqqsu minnu; qisu li tħarsu l-liġijiet tal-Mulej, Alla tagħkom, bħalma qiegħed nagħtihomlkom jien.

[3]Rajtu b'għajnejkom x'għamel il-Mulej minħabba Bagħal-pegħor; kull min mar wara Bagħal-pegħor qerdu l-Mulej, Alla tiegħek, minn ġo nofskom.

[4]Imma intom li bqajtu qalbkom miġbuda lejn il-Mulej, Alla tagħkom, għadkom ilkoll ħajjin sal-lum.

[5]Araw, jien għallimtkom liġijiet u ordnijiet kif ikkmandani l-Mulej, Alla tiegħi, biex tagħmluhom sewwa fil-pajjiż li fih se tidħlu biex ikun tagħkom.

[6]Ħarsuhom u agħmluhom, għax hekk tidhru għorrief u għaqlin f'għajnejn il-ġnus li, kif jisimgħu b'dawn il-liġijiet kollha, jgħidu, 'M'hemmx poplu ieħor għaref u għaqli għajr dan il-ġens kbir.'

[7]Għax liema ġens hu hekk kbir li għandu l-allat hekk qrib tiegħu daqs kemm hu qrib tagħna l-Mulej, Alla tagħna, kull xħin insejħulu?

[8]Jew liema ġens hu hekk kbir li għandu liġijiet u ordnijiet hekk sewwa daqs dak kollu li fiha din il-liġi li qiegħed noffrilkom illum jien?

[9]Biss iftaħ għajnejk, u oqgħod attent ħafna għalik innifsek, li ma tmurx tinsa l-ħwejjeġ li rajt b'għajnejk; tħallihomx iwarrbu minn qalbek tul il-jiem kollha ta' ħajtek, imma għallimhom lil uliedek u 'l ulied uliedek.

[10]"Ftakar fil-jum meta int qgħadt quddiem il-Mulej, Alla tiegħek, f'Ħoreb, meta l-Mulej qalli: 'Iġmagħli l-poplu u nsemmgħalhom kliemi biex jitgħallmu jibżgħu minni kemm idumu ħajjin fuq l-art u jgħallmuhom lil uliedhom.'

[11]U intom qrobtu u waqaftu taħt il-muntanja u l-muntanja bdiet tħeġġeġ bin-nar tiela' sa qiegħ is-smewwiet, bis-sħab iswed u ċ-ċpar.

[12]"Il-Mulej imbagħad kellimkom minn ġon-nar. Smajtu l-ħoss tal-kliem, imma ma rajtu ebda xbieha, leħen biss.

[13]Ħabbrilkom il-patt tiegħu, li ordnalkom tħarsu, l-għaxar kelmiet, u kitibhom fuq żewġ twavel tal-ġebel.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

14U lili l-Mulej ordnali dakinhar li ngħallimkom il-liġijiet u l-ordnijiet, biex
tħarsuhom fl-art li intom sejrin fiha biex teħduha f'idejkom.

### Il-qima ta' Alla wieħed

15"Meta l-Mulej, Alla tagħkom, kellimkom minn ġon-nar minn fuq il-muntanja
Ħoreb, intom ma rajtu ebda xbieha,

16mela ħarsu rwieħkom li ma titħassrux u tagħmlu xi sura ta' idolu, fi xbieha ta'
raġel jew mara;

17xbieha ta' xi bhima fuq l-art; xbieha ta' xi għasfur bil-ġwienaħ li jittajjar fl-ajru;

18xbieha ta' xi ħlejqa li titkaxkar fl-art; xbieha ta' xi ħuta tal-baħar taħt l-art;

19u li ma terfax għajnejk lejn is-sema u tara x-xemx, u l-qamar, u l-kwiekeb u t-
tagħmir kollu tas-smewwiet, u tinxteħet quddiemhom u tadurahom. "Dawn il-
Mulej, Alla tiegħek, qassamhom lill-ġnus kollha ta' taħt is-smewwiet.

20Imma lilkom għażilkom il-Mulej u ħariġkom mill-forn fejn jiddewweb il-ħadid,
mill-Eġittu, biex issiru l-poplu tiegħu bħalma intom illum.

21"U l-Mulej inkorla għalija minħabba fikom, u ħalef li jien ma naqsamx il-
Ġordan, li ma nidħolx fl-art tajba, li l-Mulej, Alla tiegħek, se jagħtik b'wirt.

22Għax jien se mmut f'din l-art, u m'iniex se naqsam il-Ġordan, imma intom
tieħdu f'idejkom din l-art tajba.

23"Qisu li ma tinsewx il-patt tal-Mulej, Alla tagħkom, li għamel magħkom u ma
tagħmlu ebda xbieha mnaqqxa, li l-Mulej, Alla tiegħek, ordnalek li ma tagħmilx.

24Għax il-Mulej, Alla tiegħek, nar qerried, Alla għajjur.

25"Meta jkollkom uliedkom, u wlied uliedkom, u tkunu xjaħtu fl-art, u titħassru,
u tagħmlu xbieha mnaqqxa, u tagħmlu dak li hu ħażin f'għajnejn il-Mulej, Alla
tiegħek, u tinkurlawh;

26jien insejjaħ illum b'xhud kontrikom is-smewwiet u l-art. Minnufih tinqerdu
minn wiċċ l-art, li intom se taqsmu l-Ġordan biex teħduha f'idejkom; ma ddumux
żmien twil fiha, għax tinqerdu għalkollox.

27"Ixerridkom il-Mulej qalb il-ġnus, u tibqgħu għadd żgħir fost il-ġnus li jkun
ħadkom ġo nofshom il-Mulej.

28U hemm isservu lill-allat, xogħol idejn il-bniedem, injam u ġebel, li la jaraw, la
jisimgħu, la jieklu u lanqas ixommu.

29"U tfittex hemmhekk il-Mulej, Alla tiegħek, u ssibu jekk inti tfittxu b'qalbek
kollha u b'ruħek kollha.

30Fl-hemm tiegħek kollu, meta jiġu fuqek dawn il-ħwejjeġ kollha fl-aħħar jiem,
terġa' lura għal għand il-Mulej, Alla tiegħek, u tisma' minnu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

31Għaliex il-Mulej Alla tiegħek, hu Alla ħanin: ma jitilqekx u ma jeqirdekx, u
anqas ma jinsa l-patt li ħalef lil missirijietek u li għamel magħhom.

32"Staqsi liż-żminijiet tal-imgħoddi, iż-żminijiet ta' qabel, sa minn mindu Alla
ħalaq il-bniedem fuq l-art, fittex minn tarf għall-ieħor tas-sema, u ara kienx
hemm ġrajja hekk kbira bħal din, jew qattx instemgħet oħra bħalha.

33Qatt kien hemm poplu li sama' leħen Alla jitkellem minn ġon-nar - bħalma
smajt int - u baqa' ħaj?

34Jew qatt xi alla fittex li jagħżel għalih poplu minn fost poplu ieħor b'tiġrib,
b'sinjali, b'għeġubijiet, b'taqbid, b'id qawwija u bi driegħ merfugħ, b'għemejjel
kbar tal-biża', bħalma għamel għalik quddiem għajnejk fl-Eġittu l-Mulej, Alla
tiegħek?

35Lilek uriehom biex tagħraf li l-Mulej hu Alla, u m'hemmx ieħor ħliefu.

36Mis-sema semmagħlek leħnu biex jgħallmek, u fl-art uriek in-nar tiegħu kbir,
u kliemu semmgħek minn ġon-nar.

37U għaliex ħabb lil missirijietek, għażel lil nisilhom warajhom; u hu stess ħarġek
mill-Eġittu bil-qawwa tiegħu kbira,

38biex ikeċċi minn quddiemek ġnus ikbar u aqwa minnek, u jmexxik u jagħtik
arthom b'wirt, bħalma hi llum.

39Mela, kun af illum, u żommha f'moħħok, li l-Mulej hu tassew Alla, kemm fl-għoli
tas-sema kemm hawn isfel fuq l-art, u li ma hawnx ieħor għajru.

40Hares, għalhekk, l-ordnijiet u l-kmandamenti tiegħu li se nagħtik illum biex
ikollok riżq, int u wliedek warajk, ħalli tgħix żmien twil fuq l-art li l-Mulej, Alla
tiegħek, se jagħtik għal dejjem."

### L-ibliet tal-kenn

41Imbagħad Mosè għażel tlitt ibliet in-naħa l-oħra tal-Ġordan, in-naħa tal-Lvant,

42fejn jistkenn il-qattiel, li jkun qatel lil għajru bla ma ried, mingħajr dan ma kien
l-għadu tiegħu fl-imgħoddi. Jekk jistkenn f'waħda minn dawn l-ibliet, jibqa' ħaj.

43Dawn kienu: Beser fid-deżert fil-wita għar-Rubenin, Ramot f'Gilgħad għall-
Gadin, u Golan f'Basan għall-Manassin.

44Din hi l-liġi li Mosè qiegħed quddiem ulied Iżrael;

45dawn huma l-preċetti u l-kmandamenti u d-digrieti li Mosè ta lil ulied Iżrael fi
ħruġhom mill-Eġittu,

46in-naħa l-oħra tal-Ġordan, fil-wied biswit Bet-pegħor fl-art ta' Siħon, is-sultan
tal-Amurrin, li kien jgħammar f'Hesbon, u li għelbuh Mosè u wlied Iżrael fi
ħruġhom mill-Eġittu.


© 2020 Malta Bible Society.

47U ħadu f'idejhom l-art tiegħu u l-art ta' Għog, is-sultan ta' Basan, iż-żewġ slaten
tal-Amurrin, li tinsab in-naħa l-oħra tal-Ġordan, in-naħa tal-Lvant;

48minn Għarogħer li qiegħda fuq xtut il-wied tal-Arnon sal-muntanja ta' Sirjon,
jiġifieri l-Hermon,

49u l-Għaraba kollha n-naħa l-oħra tal-Ġordan mil-Lvant sal-baħar tal-Għaraba
għal taħt ix-xaqliba tal-Pisga.

## Dewteronomju 5

### It-tieni diskors: L-Għaxar Kmandamenti

1U Mosè sejjaħ lil Iżrael kollu u qalilhom: "Isma', Iżrael, il-liġijiet u d-digrieti li
jien qiegħed ngħidilkom f'widnejkom illum, u tgħallimhom u qis li tħarishom.

2Il-Mulej, Alla tagħna, għamel patt magħna f'Horeb.

3Mhux ma' missirijietna għamlu dan il-patt, imma magħna, magħna li qegħdin
hawn illum ilkoll ħajjin.

4Wiċċ imb wiċċ tkellem magħkom il-Mulej minn fuq il-muntanja, minn ġon-nar.

5Jien kont qiegħed bejn il-Mulej u bejnkom f'dak il-waqt, biex ngħarrafkom bil-
kelma tal-Mulej, għaliex meta rajtu n-nar bżajtu, u ma tlajtux fuq il-muntanja. U
hu qalilkom:

6'Jiena l-Mulej li ħriġtek mill-art tal-Eġittu, minn dar il-jasar.

7'Ma jkollokx allat oħra ħliefi;

8ma tagħmel ebda idolu jew xbieha ta' ebda ħlejqa li hemm fl-għoli tas-
smewwiet, jew taħt l-art, jew fl-ibħra taħt l-art.

9Tadurahomx u sservihomx. Għax jiena l-Mulej, Alla tiegħek, Alla għajjur, li
nikkastiga l-ulied għad-dnubiet ta' missirijiethom sat-tielet u r-raba'
ġenerazzjoni ta' min jobgħodni.

10U nagħmel ħniena għal elf ġenerazzjoni ma' min iħobbni u jħares il-liġijiet
tiegħi.

11Issejjaħx l-isem tal-Mulej, Alla tiegħek, fil-batal, għaliex il-Mulej ma jħallix bla
kastig lil min isejjaħ ismu fil-batal.

12Hares jum is-Sibt u qaddsu bħalma ordnalek il-Mulej, Alla tiegħek.

13Sitt ijiem tista' taħdem, u tagħmel ix-xogħol kollu tiegħek.

14Imma s-seba' jum hu l-mistrieħ tal-Mulej, Alla tiegħek: ebda xogħol ma
għandek tagħmel dak in-nhar, la int, la ibnek u lanqas bintek; la l-qaddej u lanqas
il-qaddejja tiegħek; la l-barri, la l-ħmar u ebda waħda mill-bhejjem tiegħek;

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

lanqas il-barrani li jgħix f'beltek; ħalli jistrieħu bħalek il-qaddejja tiegħek, irġiel u nisa.

15'Ftakar li int kont ilsir fl-art tal-Eġittu, u l-Mulej, Alla tiegħek, ħarġek minn hemm b'id qawwija u bi driegħ merfugħ; għalhekk il-Mulej, Alla tiegħek, ordnalek li tħares jum is-Sibt.

16'Weġġaħ lil missierek u 'l ommok, bħalma l-Mulej, Alla tiegħek, ordnalek, sabiex tgħix ħajja twila, u jkollok ir-risq fl-art li l-Mulej, Alla tiegħek, se jagħtik.

17'La toqtolx.

18'La tagħmilx adulterju.

19'La tisraqx.

20'La tixhidx fil-falz kontra għajrek.

21'La tixtieqx il-mara ta' għajrek. La tixxennaqx għal dar għajrek: għar-raba' tiegħu, għall-qaddej tiegħu, għall-qaddejja tiegħu, għall-gendus tiegħu, għall-ħmar tiegħu, għal xejn milli għandu għajrek.'

22"Dan il-kliem qalu l-Mulej b'leħen qawwi lill-ġemgħa kollha tagħkom minn fuq il-muntanja, minn ġon-nar, minn ġos-sħaba u ċ-ċpar iswed, u xejn aktar ma żied. U kitibhom fuq żewġ twavel tal-ġebel, u tahom lili.

23"U ġara li, kif smajtu l-leħen minn ġod-dalma u l-muntanja kienet tħeġġeġ bin-nar, resqu lejja l-prinċpijiet tat-tribujiet tagħkom u x-xjuħ tagħkom

24u qaluli: 'Ara, il-Mulej, Alla tagħna, wriena s-sebħ u l-kobor tiegħu, u semmagħna leħnu minn ġon-nar. Illum rajna li Alla jista' jkellem lill-bniedem u l-bniedem jibqa' ħaj.

25U issa għaliex għandna mmutu? Għax se jiblagħna dan in-nar il-kbir. Jekk nibqgħu nisimgħu aħna leħen il-Mulej, Alla tagħna, se mmutu.

26Għax min minn fost kemm huma l-bnedmin, qatt sama' bħalna leħen Alla ħaj jitkellem u baqa' ħaj?

27Mela ersaq int, u isma' kulma jgħid il-Mulej, Alla tagħna, imbagħad int tgħidilna kulma jgħidlek il-Mulej, Alla tagħna, u aħna nisimgħuh u nagħmluh.'

28"U l-Mulej sama' kliemkom jidwi, intom u tkellmuni, u l-Mulej qalli: 'Jien smajt jidwi l-kliem li qallek dan il-poplu; sewwa kulma qalulek.

29Mhux li kien ikollhom dan il-ħsieb, li jibżgħu minni, u jħarsu kulma nordnalhom għal ħajjithom kollha, u jkollhom ir-risq, huma u wliedhom, għal dejjem.

30Mur għidilhom: Erġgħu lura lejn it-tined tagħkom.


© 2020 Malta Bible Society.

[31]‘Imma int, ibqa’ hawn quddiemi, u jien ngħidlek il-kmandamenti u l-liġijiet u d-digrieti li għandek tgħallimhom, biex jagħmluhom fl-art li jiena se nagħtihom biex jirtuha.’

[32]“Mela qisu li tħarsuhom, kif ordnalkom il-Mulej, Alla tagħkom. La tilwux la lejn ix-xellug u lanqas lejn il-lemin.

[33]Imxu fit-triq kollha li ordnalkom il-Mulej, Alla tagħkom, sabiex tgħixu u jkollkom ir-risq, u jkollkom ħajja twila fuq l-art li se tieħdu.

## Dewteronomju 6

### L-imħabba ta’ Alla

[1]“U din hi l-ordni, il-liġijiet u d-digrieti li l-Mulej, Alla tagħkom, ordnali ngħallimkom biex tħarsuhom fl-art li se tidħlu fiha biex teħduha f’idejkom:

[2]ibża’ mill-Mulej, Alla tiegħek, billi int, ibnek u bin ibnek, tħarsu dejjem il-liġijiet u l-kmandamenti kollha tiegħu, li jien qiegħed nagħtik, biex ikollok għomor twil.

[3]Isma’, o Iżrael, u ħu ħsieb agħmilhom, biex ikollok il-ġid u toktor ħafna, bħalma wiegħed il-Mulej, Alla ta’ missirijietek, li jagħtik art tnixxi ħalib u għasel.

[4]“Isma’, o Iżrael: Alla tagħna l-Mulej, il-Mulej waħdu.

[5]Ħobb, mela, lill-Mulej, Alla tiegħek, b’qalbek kollha, b’ruħek kollha u b’saħħtek kollha.

[6]Żomm f’qalbek dan il-kliem u dawn il-kmandamenti li qiegħed nagħtik illum.

[7]Tennihom lil uliedek, u tkellem fuqhom meta tkun f’darek, u meta tkun miexi fit-triq, u meta timtedd, u meta tqum;

[8]torbothom b’sinjal ma’ idek u ddendilhom bejn għajnejk.

[9]U tiktibhom mal-ġnub tal-bibien u fuq il-bwieb tiegħek.

[10]“Il-Mulej, Alla tiegħek, idaħħlek fl-art li ħalef lil missirijietek, lil Abraham, lil Iżakk, u lil Ġakobb, li jagħtiha lilek, bliet kbar u sbieħ li int ma bnejtx;

[11]u djar mimlija b’kull ġid li ma ħżintx int; bjar imħaffrin, li ma ħaffirthomx int; dwieli u żebbuġ li ma ħawwilthomx int; u tiekol u tixba’.

[12]Qis li ma tinsiex lill-Mulej, li ħarġek mill-Eġittu, minn dar il-jasar.

[13]Tibża’ mill-Mulej, Alla tiegħek, lilu sservi u taħlef b’ismu.

[14]Tmurx wara allat oħra, l-allat tal-ġnus l-oħra ta’ madwarek.

[15]Għax il-Mulej, Alla tiegħek, hu Alla għajjur f’nofsok, li ma tixgħelx għalik il-qilla tal-Mulej, Alla tiegħek, u jeqirdek minn wiċċ l-art.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

16“La ġġarrbux lill-Mulej, Alla tagħkom, bħalma ġarrabtuh f’Massa.

17Ħarsu sewwa l-liġijiet tal-Mulej, Alla tagħkom, u l-preċetti u l-kmandamenti li
tak.

18Int tagħmel is-sewwa u t-tajjeb f’għajnejn il-Mulej, biex ikollok ir-risq, u tidħol
u tieħu f’idejk l-art tajba li l-Mulej ħalef lil missirijietek.

19Imbagħad tkeċċi ’l barra l-għedewwa tiegħek minn quddiemek bħalma tkellem
il-Mulej.

20“Meta ibnek għada pitgħada jistaqsik, u jgħidlek: ‘X’inhuma dawn il-preċetti,
il-kmandamenti u d-digrieti li takom il-Mulej, Alla tagħna?’

21int twieġeb lil ibnek: ‘Konna lsiera tal-Fargħun fl-Eġittu, u ħariġna l-Mulej mill-
Eġittu bil-qawwa ta’ idejh.

22U l-Mulej għamel quddiem għajnejna sinjali u għeġubijiet kbar bi ħsara għall-
Eġittu, għall-Fargħun u daru kollha.

23Lilna ħariġna minn hemm biex iġibna fl-art, u jagħtihielna kif ħalef lil
missirijietna.

24Il-Mulej ordnalna li nħarsu dawn il-kmandamenti kollha u li nibżgħu mill-
Mulej, Alla tagħna, biex ikollna r-riżq il-jiem kollha ta’ ħajjitna bħalma aħna llum.

25U dan ikun is-sewwa tagħna: li nqisu li nagħmlu din il-liġi kollha quddiem il-
Mulej, Alla tagħna, bħalma ordnalna hu.’

## Dewteronomju 7

### L-imġiba tagħhom mal-Kangħanin

1“Meta l-Mulej, Alla tiegħek, ikun wasslek fl-art li se tidħol fiha biex teħodha
f’idejk, u jkun keċċa ’l barra l-ħafna ġnus minn quddiemek, il-Ħittin, il-Girgasin,
l-Amurrin, il-Kangħanin, il-Periżżin, il-Ħiwwin u l-Ġebusin, seba’ ġnus akbar u
aqwa minnek;

2u meta l-Mulej, Alla tiegħek, ikun irħiehom f’idejk, u int tkun għelibthom,
eqridhom u tidħol f’ebda patt magħhom, u tħennx għalihom.

3La titħattinx magħhom. Lil bintek tagħtihiex lil binhom, u anqas ma tieħu lil
binthom għal ibnek.

4Għax dan ibiegħed lil ibnek minni biex iservi allat oħra, u jixgħel imbagħad il-
Mulej bl-għadab kontra tagħkom u jeqridkom minnufih.

5“Imma hekk għandkom tagħmlulhom: iġġarrfu l-artali tagħhom, tfarrku l-plieri
tagħhom, tqaċċtu x-xbihat tagħhom tal-Asera, u l-idoli tagħhom taħarquhom
bin-nar.


© 2020 Malta Bible Society.

6 Għax inti poplu qaddis għall-Mulej, Alla tiegħek; minn fost il-popli kollha li jinsabu fuq wiċċ l-art, lilek għażel il-Mulej, Alla tiegħek, biex tkun il-poplu miksub tiegħu.

7 U l-Mulej tgħaxxaq bikom u għażilkom, mhux għax kontu kbar fil-għadd iżjed minn kull poplu ieħor, għax intom l-iċken fil-għadd fost il-popli kollha,

8 iżda l-Mulej għażilkom għax ħabbkom, u għax ried iżomm il-ħalfa li ħalef lil missirijietkom; kien għalhekk li l-Mulej, b'id qawwija, ħariġkom u fdiekom minn dar il-jasar, minn id il-Fargħun, is-sultan tal-Eġittu.

9 "Agħraf, mela, li l-Mulej, Alla tiegħek, hu Alla; Alla l-fidil, li jżomm għal elf nisel il-patt u t-tjieba tiegħu ma' ħbiebu u ma' dawk li jħarsu l-kmandamenti tiegħu;

10 imma jitħallas f'wiċċhom stess mill-għedewwa tiegħu billi jeqridhom; ma joqgħodx jitlajja mal-għadu tiegħu, imma f'wiċċu jitħallas minnu.

11 Ħares, mela, il-kmandamenti u l-liġijiet u d-digrieti li jiena llum qiegħed nordnalek, biex tagħmel kif jgħidu huma.

12 U jekk inti tisma' dawn l-ordnijiet u tħarishom u tagħmilhom, il-Mulej, Alla tiegħek, iħares il-patt u t-tjieba li ħalef lil missirijietek;

13 u jħobbok, u jbierkek u jkattrek, ibierek frott ġufek u frott artek, il-qamħ tiegħek, l-inbid tiegħek, iż-żejt tiegħek, il-frieħ tal-bhejjem tiegħek, u l-għalel tal-imrieħel tiegħek, fl-art li ħalef li jagħti lil missirijietek.

14 "Imbierek tkun int aktar mill-popli kollha; ħadd fik ma jkun ħawli jew ħawlija, u lanqas fost il-bhejjem tiegħek.

15 Il-Mulej iwarrab minnek kull mard u ma jġibx fuqek il-mardiet koroh tal-Eġittu, li inti taf bihom, imma jitfagħhom fuq kull min jobogħdok.

16 Int tibla' l-popli kollha li l-Mulej, Alla tiegħek, se jerħi f'idejk. Ma għandhiex tħenn għajnek għalihom u ma għandekx tadura l-allat tagħhom, għax inkella dan ikun nasba għalik.

### Alla jeqred il-ġnus

17 "Jekk qatt tgħid f'qalbek: 'Akbar minni huma dawn il-ġnus, kif qatt nista' naqlagħhom 'il barra?'

18 la tibżax minnhom; ftakar sewwa x'għamel il-Mulej, Alla tiegħek, lill-Fargħun u lill-Eġittu kollu,

19 it-tiġrib kbir li rajt b'għajnejk, u s-sinjali u l-għeġubijiet, u l-qawwa tal-id u d-driegħ merfugħ, li bihom ħarġek il-Mulej, Alla tiegħek. Hekk jagħmel il-Mulej, Alla tiegħek, lill-ġnus kollha, li int qiegħed tibża' minnhom.

20 U saħansitra ż-żnażan jibgħat il-Mulej, Alla tiegħek, fuqhom, sa ma jinqerdu dawk li jkun baqa' jew li jkunu nħbew minnek.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

21 La titbeżżax quddiemhom għax il-Mulej, Alla tiegħek, f'nofsok, Alla kbir u tal-biża'.

22 U 'l dawn il-ġnus il-Mulej, Alla tiegħek, ikeċċihom bil-qajla l-qajla minn quddiemek; ma tistax teqridhom malajr, li ma joktrux aktar minnek il-bhejjem tax-xagħri.

23 U l-Mulej, Alla tiegħek, jitlaqhom f'idejk, u jħarbathom tħarbita kbira sakemm jeqridhom.

24 U jerħi s-slaten tagħhom f'idejk, u int tħassar isimhom minn taħt is-smewwiet; ebda bniedem ma jiqaflek sakemm ma tkunx qridthom.

25 Ix-xbihat tal-allat tagħhom taħraqhom bin-nar, la tiklibx għall-fidda u d-deheb ta' fuqhom u teħodhom għalik, inkella taqa' fix-xibka, għax dawk il-ħwejjeġ jistkerrahhom il-Mulej, Alla tiegħek.

26 Iddaħħalx f'darek ebda ħaġa mistkerrha, inkella tkun meqrud bħalha; għandek titqażżiżha u tistkerahha, għax ħaġa misħuta hi.

## Dewteronomju 8

### Ftakar f'Alla fi żmien il-ġid

1 "Qis li tħares u tagħmel kull kmandament li jien qiegħed nagħtik illum, sabiex tgħix u toktor, u tidħol u tieħu l-art f'idejk, l-art li l-Mulej ħalef lil missirijietek.

2 Ftakar fil-mixja kollha li mexxiek il-Mulej, Alla tiegħek, matul dawn l-erbgħin sena fid-deżert, biex iċekknek u jġarrbek, ħalli jkun jaf x'għandek f'qalbek, jekk tridx toqgħod għall-kmandamenti tiegħu jew le.

3 Huwa ċekknek, ried li tbati l-ġuħ, imbagħad temgħek il-manna, li la int u lanqas missirijietek ma kontu qatt tafu biha, biex jurik li mhux bil-ħobż biss jgħix il-bniedem, imma b'dak kollu li joħroġ minn fomm il-Mulej, b'dan jgħix il-bniedem.

4 Il-mantar tiegħek ma tkiddx minn fuqek, u riġlejk ma ntefħux f'dawn l-erbgħin sena.

5 Mela għandek tkun taf u ddaħħal f'qalbek li l-Mulej, Alla tiegħek, jgħakksek, bħalma l-missier jgħakkes lil ibnu,

6 biex int tħares il-kmandamenti tal-Mulej, Alla tiegħek, u timxi fi triqatu u tibża' minnu.

7 Għaliex il-Mulej, Alla tiegħek, se jdaħħlek f'art tajba, art ta' widien ta' ilma, ta' għejun u gliegel, li jferrgħu fil-witat u l-muntanji;

8 art tal-qamħ, tax-xgħir, tad-dwieli, tat-tin, tar-rummien; art taż-żebbuġ, taż-żejt, tal-għasel;

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

9art fejn ma tikolx bl-għaks, fejn xejn ma jkun jonqsok, art fejn il-blat hu ħadid, u mill-muntanji taqtgħu l-bronż.

10U tiekol, u tixba' u tbierek il-Mulej, Alla tiegħek, għall-art tajba li tak.

11"Qis li ma tinsiex lill-Mulej, Alla tiegħek, li ma tinsiex tħares il-kmandamenti u d-digrieti u l-liġijiet tiegħu, li llum jien qiegħed nordnalek.

12Qis li meta tiekol u tixba', u tibni djar sbieħ u toqgħod fihom, u joktru l-baqar u l-imrieħel tiegħek,

13u jiżdiedu l-fidda u d-deheb, u jikber kulma għandek;

14qis li ma titkabbarx qalbek u tinsa l-Mulej, Alla tiegħek, li ħarġek mill-art tal-Eġittu, mill-art tal-jasar.

15Hu li mexxiek fid-deżert kbir u jwaħħax, mimli sriep velenużi u skorpjuni, art niexfa bla ilma xejn, li ħariġlek l-ilma mill-blata taż-żnied,

16li temgħek il-manna fid-deżert, li missirijietek ma kienu jafu biha xejn, bil-ħsieb li jgħakksek u jġarrbek, biex imbagħad jagħtik il-ġid.

17Ma għandekx tgħid f'qalbek: 'Il-ħila tiegħi u l-qawwa ta' idi kisbuli dan il-ġid kollu.'

18Ftakar fil-Mulej, Alla tiegħek, għax hu tak il-qawwa biex tikseb dan il-ġid, biex iżomm il-patt tiegħu li ħalef lil missirijietek, bħalma hu llum.

19Jekk inti tinsa l-Mulej, Alla tiegħek, u tmur wara allat oħra, tadurahom u tinxteħet fl-art quddiemhom, jien ngħidilkom mil-lum stess, tinqerdu għalkollox;

20bħall-ġnus li qeridhom il-Mulej minn quddiemek, hekk tinqerdu, għax ma tkunux smajtu l-kelma tal-Mulej, Alla tagħkom.

## Dewteronomju 9

### Ħarsa lejn l-imgħoddi

1"Isma', o Iżrael, illum int se taqsam il-Ġordan biex tirbaħ ġnus ikbar u aqwa minnek, bliet kbar bi swar m'ogħla s-smewwiet;

2ġnus kbar u nies twal; ulied Għanak; int taf x'inhuma u int smajt min jgħid minnhom: 'Min jista' jiqfilhom 'l ulied Għanak?'

3"Kun af illum, mela, li l-Mulej, Alla tiegħek, hu li se jgħaddi quddiemek bħal nar li jibla'; hu li se jeqridhom; hu li se jrażżanhom quddiemek, u int taqlagħhom 'il barra u teqridhom minnufih, bħalma qallek il-Mulej.


© 2020 Malta Bible Society.

4 Meta jaqlagħhom ’il barra minn quddiemek il-Mulej, Alla tiegħek, tgħidx f’qalbek: ‘Għax kien jistħoqqli ġiebni l-Mulej biex nieħu f’idejja din l-art,’ għax hu minħabba ħżunithom li l-Mulej ħarbat dawn il-ġnus quddiemek.

5 Mhux għax jistħoqqlok, jew għas-sewwa ta’ qalbek, se tidħol int biex tieħu f’idejk l-art tagħhom, għax minħabba l-ħażen ta’ dawn il-ġnus il-Mulej, Alla tiegħek, se jħarbathom quddiemek, u jtemm il-wegħda li ħalef il-Mulej lil missirijietek: lil Abraham, lil Iżakk u lil Ġakobb.

### L-infedeltà ta’ Iżrael fl-imgħoddi

6 “Kun af li mhux għax jistħoqqlok li l-Mulej, Alla tiegħek, se jagħtik din l-art tajba biex teħodha f’idejk, għax int poplu ta’ ras iebsa.

7 Ftakar u tinsiex kemm inkurlajt lill-Mulej, Alla tiegħek, fid-deżert; minn dakinhar li ħriġt mill-art tal-Eġittu sakemm wasaltu hawn, dejjem ħadtuha kontra l-Mulej.

8 F’Ħoreb inkurlajtu lill-Mulej, u l-Mulej għadab għalikom li kien se jeqridkom.

9 Meta jien tlajt fuq il-muntanja biex nieħu t-twavel tal-ġebel, it-twavel tal-patt, li l-Mulej għamel magħkom, bqajt fuq il-muntanja erbgħin jum u erbgħin lejl, bla ma niekol ħobż u bla ma nixrob ilma;

10 u l-Mulej tani ż-żewġ twavel tal-ġebel, miktuba b’saba’ Alla; fuqhom kien hemm il-kliem kollu li l-Mulej qalilkom minn fuq il-muntanja minn ġon-nar f’jum il-ġemgħa.

11 “U ġara li fi tmiem l-erbgħin jum u l-erbgħin lejl, il-Mulej tani ż-żewġ twavel tal-ġebel, it-twavel tal-patt.

12 U l-Mulej qalli: ‘Qum u fittex inżel minn hawn fuq, għax il-poplu tiegħek, li int ħriġtu mill-Eġittu, tħassar; diġà tbiegħdu mit-triq li jien ordnajtilhom; għamlu xbieha tal-metall imdewweb.’

13 “U l-Mulej kellimni u qalli: ‘Jien ħarist lejn dan il-poplu u rajt li hu poplu rasu iebsa.

14 Ħallini ħa neqirdu u nħassar ismu minn taħt is-smewwiet u nagħmel minnek poplu b’saħħtu u akbar minnhom.’

15 “Imbagħad jien dort u nżilt minn fuq il-muntanja, hi u tħeġġeġ bin-nar, u t-twavel tal-patt f’idejja t-tnejn.

16 Jien ħarist, u hemm intom, dnibtu kontra Alla tagħkom; għamiltu għoġol tal-metall imdewweb, u malajr tbegħedtu mit-triq li ordnalkom il-Mulej.

17 Imbagħad qbadt iż-żewġ twavel, u waddabthom minn idejja t-tnejn, u kissirthom quddiem għajnejkom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[18]U nxtħett fl-art quddiem il-Mulej, bħall-ewwel darba, għal erbgħin jum u
erbgħin lejl, bla ma niekol ħobż u bla ma nixrob ilma, minħabba d-dnubiet kollha
li dnibtu meta għamiltu l-ħażen f'għajnejn il-Mulej, biex tinkurlawh.

[19]Għax jien twerwirt kif rajt il-korla u l-qilla li bihom xegħel il-Mulej kontrikom,
li ried jeqridkom. Din id-darba wkoll semagħni l-Mulej.

[20]Inkorla ħafna wkoll kontra Aron il-Mulej, li ried jeqirdu; imma jien tlabt għal
Aron ukoll dakinhar.

[21]U d-dnub li għamiltu, l-għoġol, qbadtu u ħraqtu fin-nar, u sħaqtu tajjeb, u
għamiltu tħin sakemm sar trab irqiq, u t-trab tiegħu rmejtu fil-wied nieżel mill-
muntanja.

[22]"F'Tabgħera u f'Massa u f'Kibrot-ħattawa wkoll inkurlajtu 'l-Mulej.

[23]U meta l-Mulej riedkom titilqu minn Kades-barnigħa u qalilkom: 'Qumu u
itilgħu, ħudu f'idejkom l-art li jien tajtkom,' intom merejtu l-kelma tal-Mulej, Alla
tagħkom, u ma fdajtuhx, u ma smajtux minn kliemu.

[24]Kontu dejjem stinati mal-Mulej, sa minn mindu għaraftkom.

[25]"U nxtħett fl-art quddiem il-Mulej; għal erbgħin jum u erbgħin lejl domt
mitfugħ fl-art, għax il-Mulej kien qal li kien ser jeqridkom.

[26]U tlabt lill-Mulej, u għedtlu: "Sidi, Mulej, teqridx il-poplu tiegħek u l-wirt
tiegħek, li int fdejtu bil-kobor tiegħek; li int ħriġt mill-Eġittu bil-qawwa ta'
driegħek.

[27]Ftakar fil-qaddejja tiegħek, f'Abraham, f'Iżakk u f'Ġakobb; tħarisx lejn ir-ras
iebsa ta' dan il-poplu, lejn ħżunitu u lejn ħtijietu;

[28]biex ma jgħidux fl-art li ħriġtna minnha: 'Għax ma setax il-Mulej idaħħalhom
fl-art li qalilhom, u għax jobgħodhom ħariġhom biex joqtolhom fid-deżert.'

[29]Imma huma għadhom il-poplu tiegħek, il-wirt tiegħek, li int ħriġtu bil-kobor
tal-qawwa tiegħek, u bi driegħek merfugħ.

## Dewteronomju 10

### It-twavel tal-liġi għat-tieni darba

[1]"Imbagħad dakinhar qalli l-Mulej: 'Aqta' żewġ twavel tal-ġebel bħal ta' qabel, u
itla' ħdejja fuq il-muntanja, u agħmel ukoll arka tal-injam.

[2]U jien nikteb fuq it-twavel il-kliem, li kien fuq it-twavel ta' qabel, li int kissirt, u
qegħedhom fl-arka.'

[3]"U jien għamilt arka tal-injam tal-gażżi u fassalt żewġ twavel tal-ġebel bħal ta'
qabel, u tlajt fuq il-muntanja biż-żewġ twavel f'idejja.


© 2020 Malta Bible Society.

4U l-Mulej kiteb fuq iż-żewġ twavel, bħalma kien kiteb qabel, l-għaxar kelmiet li
l-Mulej kien qalilkom fuq il-muntanja minn ġon-nar f'jum il-ġemgħa, u l-Mulej
tahom lili.

5U dort u nżilt minn fuq il-muntanja, u qegħedt it-twavel fl-arka li kont għamilt
fejn baqgħu hemm sal-lum, skont ma ordna l-Mulej.

6"Ulied Iżrael telqu minn Berot-bene-ġagħkan għal Mosera; hemm miet Aron u
difnuh; u sar qassis floku ibnu Elgħażar.

7Minn hemm telqu għal Gudgoda u minn Gudgoda għal Ġotbata, art tal-ilma ġieri.

8"F'dan iż-żmien il-Mulej għażel lit-tribù ta' Levi biex iġorru l-arka tal-patt tal-
Mulej, joqogħdu quddiem il-Mulej u jaqduh, u jbierku b'ismu, kif għadhom sal-
lum.

9Għalhekk it-tribù ta' Levi ma kellux sehem fil-wirt ma' ħutu; il-Mulej hu l-wirt
tiegħu, bħalma qallu l-Mulej Alla tiegħek.

10U jien bqajt fuq il-muntanja bħal qabel, erbgħin jum u erbgħin lejl; u l-Mulej
semagħni dik id-darba wkoll, u ma ġiex il-Mulej biex jeqridkom.

11U l-Mulej qalli: 'Qum u mur, u imxi quddiem il-poplu ħa jidħlu u jieħdu l-art
f'idejhom, li jien ħlift li nagħtiha lilhom.'

**Xi jrid Alla minn Iżrael**

12"U issa, Iżrael, x'inhu jitlob Alla minnek, jekk mhux li tibża' mill-Mulej, Alla
tiegħek; li timxi fi triqatu kollha; li tħobbu u li sservi lill-Mulej, Alla tiegħek,
b'qalbek kollha u b'ruħek kollha;

13li tħares il-kmandamenti tal-Mulej u l-liġijiet tiegħu, li jien illum qiegħed
nordnalek għall-ġid tiegħek?

14"Ara! Tal-Mulej, Alla tiegħek, huma s-sema u s-sema tas-smewwiet, u l-art u
kulma fiha.

15Imma lejn missirijietek inġibed il-Mulej, u ħabbhom u għażel lil nisilhom
warajhom, lilkom minn fost il-popli kollha, bħalma intom illum.

16Aħtnu mela qlubkom, u la twebbsux raskom aktar.

17Għax il-Mulej, Alla tagħkom, hu Alla fuq l-allat, u sid fuq is-sidien, Alla kbir,
qawwi u tal-biża', li ma jħarisx lejn l-uċuħ u ma jiħux rigali.

18Jagħmel il-ġustizzja mal-iltim u mal-armla, u jħobb il-barrani u jagħtih ħobż u
lbies.

19Ħobbu l-barrani, għax intom barranin kontu fl-art tal-Eġittu.

20Mill-Mulej, Alla tiegħek, għandek tibża', lilu għandek isservi, miegħu għandek
torbot qalbek, u b'ismu għandek taħlef.


© 2020 Malta Bible Society.

21Hu l-foħrija tiegħek; hu Alla tiegħek, li għamel miegħek dawk l-opri kbar u tal-
biża’, li rajt b’għajnejk.

22Sebgħin ruħ kienu missirijietek meta niżlu l-Eġittu, u issa l-Mulej, Alla tiegħek,
kattrek bħall-kwiekeb tas-sema.

## Dewteronomju 11

### L-imħabba ta’ Alla u l-ħarsien tal-kmandamenti

1“Ħobb lill-Mulej, Alla tiegħek, u ħares l-ordnijiet tiegħu, il-liġijiet tiegħu, id-
digrieti tiegħu u l-preċetti tiegħu għal dejjem.

2U intom tagħrfu llum - mhux uliedkom li la jafu u lanqas raw it-twiddib tal-
Mulej, Alla tiegħek - il-kobor tiegħu, il-qawwa ta’ idu, u driegħu merfugħ;

3u s-sinjali tiegħu, l-opri tiegħu li għamel f’nofs l-Eġittu lill-Fargħun, is-sultan tal-
Eġittu, u lil artu kollha;

4u li għamel lill-eżerċtu tal-Eġittu, liż-żwiemel u l-karrijiet tiegħu, kif il-Mulej
qaleb għal fuqhom l-ilma tal-Baħar tal-Qasab, huma u kienu jiġru warajk, u
qeridhom il-Mulej sal-lum.

5U x’għamel magħkom fid-deżert sakemm wasaltu hawnhekk.

6U tagħrfu x’għamel lil Datan u lil Abiram, ulied Elijab bin Ruben; kif infetħet l-
art u belgħethom, lilhom u l-familji bit-tined tagħhom, u b’dawk kollha li
żammew magħhom minn fost Iżrael kollu.

7Intom rajtu b’għajnejkom l-opri kbar kollha li għamel il-Mulej.

8“Ħarsu kulma nordnalkom jien illum, sabiex titqawwew, u tidħlu u tieħdu
f’idejkom l-art li se tgħaddu għaliha biex tirbħuha.

9Biex iddumu żmien twil fl-art li l-Mulej ħalef li jagħti lil missirijietkom u ’l
nisilhom, art tnixxi ħalib u għasel.

10L-art li dieħel fiha biex teħodha f’idejk mhijiex bħall-art tal-Eġittu, mnejn
ħriġtu, fejn kont tiżra’ ż-żerriegħa u ssaqqiha b’riġlek, bħal ġnien tal-ħxejjex;

11l-art li int se tgħaddi għaliha biex teħodha f’idejk hi art miżgħuda bil-muntanji
u l-widien; art li tixrob l-ilma tax-xita mis-smewwiet;

12art li jieħu ħsiebha l-Mulej, Alla tiegħek, b’għajnejh dejjem fuqha mill-ewwel
sal-aħħar tas-sena.

13“Jekk intom tisimgħu sewwa l-ordnijiet tiegħi, li qiegħed nagħtikom illum, u
tħobbu lill-Mulej, Alla tagħkom, u sservuh b’qalbkom kollha u b’ruħkom kollha,

14jien nagħtikom fi żmienha x-xita għal artkom, ix-xita bikrija u x-xita
mwaħħra u tiġbor il-qmuħ tiegħek, l-inbid tiegħek u ż-żejt tiegħek.


© 2020 Malta Bible Society.

15Nagħtik il-ħdura tar-raba' għall-bhejjem tiegħek, u tiekol u tixba'.

16"Qis li qalbek ma titqarraqx, u tmorru sservu allat oħra u tinxteħtu wiċċkom
fl-art quddiemhom,

17inkella tixgħel il-qilla tal-Mulej kontrikom, u jagħlaq is-smewwiet, u ma jkunx
hemm xita, u l-art ma tagħtix il-frott tagħha, u tinqerdu f'qasir żmien minn wiċċ
din l-art għammiela li l-Mulej se jagħtikom.

18"Qiegħdu dawn il-kelmiet tiegħi f'qalbkom u f'moħħkom; orbtuhom b'sinjali
ma' idejkom u dendluhom bejn għajnejkom.

19Għallmuhom lil uliedkom u tkellmu fuqhom meta tkun mistrieħ f'darek u miexi
fit-triq; meta timtedd u meta tqum.

20Iktibhom fuq il-ġnub ta' bwieb darek u fuq il-bibien.

21U hekk jitkattru jiemek u jiem uliedek fuq l-art, li l-Mulej ħalef li jagħti lil
missirijietek; jitkattru bħal jiem is-sema fuq l-art.

22"Jekk tħarsu sewwa dawn il-kmandamenti kollha li qiegħed nagħtikom illum
u tagħmluhom, u tħobbu lill-Mulej, Alla tagħkom, u timxu fi triqatu kollha, u
torbtu qalbkom miegħu,

23ikeċċi l-Mulej dawn il-ġnus kollha minn quddiemkom u tegħlbu ġnus ikbar u
aqwa minnkom.

24Kull fejn jirfes qiegħ riġlejkom, tagħkom ikun, mid-deżert sal-Libanu, mix-
xmara l-kbira, ix-xmara tal-Ewfrat, sal-Baħar tal-Punent tinfirex il-fruntiera
tiegħek.

25Ebda bniedem ma jiqaflek. Il-Mulej, Alla tagħkom, jitfa' l-biża' u t-twerwir
tagħkom fuq wiċċ l-art kollha, li fuqha tirfsu, bħalma wegħedkom.

### Barka jew saħta

26"Araw, jiena llum inqiegħed quddiemkom barka u saħta;

27il-barka, jekk tħarsu l-kmandamenti tal-Mulej, Alla tagħkom, li jiena llum
qiegħed nordnalkom;

28u s-saħta, jekk ma tħarsux il-kmandamenti tal-Mulej, Alla tagħkom, imma
toħorġu mit-triq li jiena llum qiegħed nordnalkom, biex timxu wara allat oħra li
ma kontux tafu bihom.

29Malli l-Mulej, Alla tiegħek, idaħħlek fl-art li inti sejjer fiha biex teħodha f'idejk,
int tagħti l-barka minn fuq il-muntanja Garizim, u s-saħta minn fuq il-muntanja
Għebal.

30- Dawn jinsabu n-naħa l-oħra tal-Ġordan mat-triq ta' nżul ix-xemx, fl-art tal-
Kangħanin, li jgħammru fl-Għaraba, biswit Gilgal, ħdejn il-ballut ta' Mori. -

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

31“U issa intom se taqsmu l-Ġordan biex tmorru tieħdu f’idejkom l-art li l-Mulej,
Alla tagħkom, se jagħtikom, u tirbħuha u tgħammru fiha.

32Qisu li tagħmlu l-liġijiet, u d-digrieti li jien qiegħed inqegħdilkom illum
quddiemkom.

## Dewteronomju 12

### Santwarju wieħed

1“Dawn huma l-liġijiet u d-digrieti li għandkom tqisu li tagħmlu fl-art li tak il-
Mulej, Alla ta’ missirijietek, biex tirtuha, il-jiem kollha sakemm iddumu ħajjin
fuq l-art.

2“Eqirdu għalkollox l-imkejjen li fihom il-ġnus li se tkeċċuhom qiemu l-allat
tagħhom fuq il-muntanji, u fuq l-għoljiet, u taħt kull siġra ħadra.

3U ġġarrfu l-artali tagħhom u tkissru l-plieri wieqfa tagħhom, u x-xbihat tal-
Asera taħarquhom bin-nar, u teqirdu x-xbihat tal-allat tagħhom, u tħassru sa
isimhom minn dan il-post.

4“Ma tagħmlux hekk mal-Mulej, Alla tagħkom.

5Imma tfittxu l-post li l-Mulej, Alla tagħkom, jagħżel minn fost it-tribujiet kollha
tagħkom, biex hemm iqiegħed ismu; hemm għandkom tmorru.

6U hemm tieħdu s-sagrifiċċji tal-ħruq u s-sagrifiċċji l-oħra tagħkom, l-għexur
tagħkom, u l-offerti ta’ idejkom, il-wegħdiet tagħkom, l-offerti minn rajkom, l-
ewwel frieħ tal-baqar tagħkom, u tal-imrieħel tagħkom.

7U tieklu quddiem il-Mulej, Alla tagħkom, u tifirħu, intom u l-familji tagħkom,
b’kull xogħol ta’ idejkom, li jkun bierkek bih il-Mulej, Alla tiegħek.

8“La tagħmlux bħalma aħna qegħdin nagħmlu issa hawn, kulħadd dak li jogħġbu
f’għajnejh,

9għax għalissa għadkom ma dħaltux f’art il-mistrieħ, u ma ħadtux f’idejkom il-
wirt li l-Mulej, Alla tiegħek, se jagħtik.

10“Meta taqsmu l-Ġordan u tgħammru fl-art li l-Mulej, Alla tagħkom, se
jagħtikom b’wirt u jserraħkom mill-għedewwa tagħkom ta’ madwarha, u intom
tgħammru bla biża’,

11il-Mulej, Alla tagħkom, jagħżel post biex fih jgħammar ismu, u hemmhekk
tieħdu kulma nordnalkom; is-sagrifiċċji tal-ħruq u s-sagrifiċċji l-oħra tagħkom,
l-offerti ta’ idejkom, u kulma tagħżlu b’wegħda għall-Mulej.

12U tifirħu quddiem il-Mulej, Alla tagħkom, intom u s-subien u l-bniet tagħkom,
il-qaddejja tagħkom, irġiel u nisa, u l-Levita, li jkun ġewwa bwiebek, għax dan
ma għandux sehem jew wirt magħkom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

13“Qis li ma toffrix is-sagrifiċċji tal-ħruq tiegħek f’kull post li tara.

14Imma fil-post li jkun għażel il-Mulej f’wieħed mit-tribujiet tagħkom; hemm għandek toffri s-sagrifiċċji tal-ħruq u hemm tagħmel kulma jiena qiegħed nordnalek.

15“Imma kulma tkun tixtieq qalbek tista’ toqtlu u tieklu; il-laħam fi blietek kollha skont il-barka li jkun tak il-Mulej, Alla tiegħek. Min hu mniġġes u min hu safi, it-tnejn jistgħu jieklu minnu, bħalma jistgħu jieklu l-għażżiela u ċ-ċerv.

16Biss id-demm tikluhx, imma xxerrdu fl-art bħall-ilma.

17Ma tistax tiekol fi blietek l-għexur tal-qmuħ tiegħek, tal-inbid u ż-żejt tiegħek, l-ewwel frieħ tal-baqar u l-imrieħel tiegħek, u kulma tagħti b’wegħda li tkun għamilt, jew l-offerti ta’ idejk minn rajk, u l-għotjiet tiegħek;

18imma tikolhom quddiem il-Mulej, Alla tiegħek, fil-post li jkun għażel il-Mulej, Alla tiegħek, int, ibnek, bintek, il-qaddej tiegħek, il-qaddejja tiegħek u l-Levita li jkun fi blietek, u tifraħ quddiem il-Mulej, Alla tiegħek, b’kulma jagħmlu idejk.

19Qis li ma titlaqx waħdu l-Levita, kemm idum fuq artek.

20“Meta l-Mulej iwessa’ l-fruntiera tiegħek bħalma wiegħdek, u int tgħid: ‘Irrid niekol il-laħam,’ għax ikollok xewqa kbira li tiekol il-laħam, tkun tista’ tiekol laħam kemm tixtieq qalbek.

21Jekk imbagħad il-post li jkun għażel il-Mulej, Alla tiegħek, biex iqiegħed ismu fih, ikun ’il bogħod minnek, tkun tista’ toqtol kif ordnajtlek mill-baqar u l-imrieħel tiegħek, li l-Mulej ikun tak u tiekol fi blietek skont ma tixtieq qalbek.

22Biss tieklu bħalma jittieklu l-għażżiela u ċ-ċerv; l-imniġġes u s-safi, it-tnejn l-istess, jistgħu jikluh.

23“Imma int għandek iżżomm sħiħ li ma tikolx id-demm, għax id-demm hu l-ħajja, u ma għandekx tiekol il-ħajja flimkien mal-laħam.

24Tikolx minnu, imma għandek ixxerrdu fl-art bħall-ilma.

25Ma għandekx tieklu, biex ikollok ir-risq int u wliedek warajk, għax tkun għamilt dak li jogħġob lill-Mulej.

26Imma l-offerti mqaddsa, u l-wegħdi tiegħek, taqbadhom u tmur bihom fil-post li jkun għażel il-Mulej.

27U toffri s-sagrifiċċji tal-ħruq, il-laħam u d-demm fuq l-artal tal-Mulej, Alla tiegħek, u d-demm tas-sagrifiċċji tiegħek ixxerrdu fuq l-artal tal-Mulej, Alla tiegħek, u l-laħam tieklu.


© 2020 Malta Bible Society.

28“Ħares u isma’ dawn l-ordnijiet kollha li jien qiegħed nagħtik, biex ikollok ir-
risq, int u wliedek warajk għal dejjem, għax tkun għamilt dak li jogħġob lill-
Mulej, Alla tiegħek.

### Il-kult tal-pagani

29“Il-Mulej, Alla tiegħek, jeqred il-ġnus li int sejjer għandhom biex tkeċċihom
minn quddiemek, u int teqridhom u tgħammar f’arthom.

30Qis li ma tinqabadx u tmur warajhom, wara li tkun qridthom minn quddiemek,
u li ma titkixxifx dwar l-allat tagħhom, u tgħid: ‘Kif kienu jqimu dawn il-ġnus l-
allat tagħhom? Ha nagħmel hekk jiena wkoll.’

31Tagħmilx hekk lill-Mulej, Alla tiegħek, għaliex kulma jistkerrah u jobgħod il-
Mulej huma għamluh lill-allat tagħhom, saħansitra ħarqu bin-nar lis-subien u l-
bniet tagħhom, lill-allat tagħhom.

## Dewteronomju 13

1“Kulma ordjantilkom, qisu li tagħmluh. Iżżidu xejn miegħu, tnaqqsu xejn minnu.

### Tħallux lil Alla tagħkom

2“Jekk iqum f’nofsok xi profeta jew ħalliem, u jgħidlek li jagħtik sinjal jew għaġeb,

3u mbagħad iseħħ is-sinjal jew l-għaġeb li jkun wiegħed u qallek: ‘Ha mmorru
wara allat oħrajn, li int ma tafx bihom, u nadurawhom,’

4la tismax il-kliem ta’ dan il-profeta jew il-ħolm li hu jkun ħolom. Il-Mulej, Alla
tiegħek, ikun qiegħed iġarrbek, biex jagħraf jekk intomx nies li tħobbu lill-Mulej,
Alla tagħkom, b’qalbkom kollha u b’ruħkom kollha.

5“Intom għandkom timxu wara l-Mulej, u minnu tibżgħu, u l-kmandamenti
tiegħu tħarsu, u leħnu tisimgħu, u lilu taqdu, u miegħu tingħaqdu.

6“Profeta bħal dan, jew ħalliem bħal dan, agħtuh il-mewt, għax ikun xewwixkom
bi kliemu kontra l-Mulej, Alla tagħkom, li ħariġkom mill-art tal-Eġittu u fdiekom
minn dar il-jasar, biex ibiegħdek mit-triq li wissiek il-Mulej, Alla tiegħek, li
tgħaddi minnha. Hekk teqred il-ħażen minn ġo nofsok.

7“Jekk ħuk, bin missierek jew bin ommok, jew ibnek jew bintek, jew il-mara li
tistrieħ fi ħdanek jew ħabibek, li tqisu bħalek innifsek, jgħawwik bil-moħbi u
jgħidlek: ‘Ha mmorru nservu lil allat oħra’ - allat li ma tafx bihom, la int u lanqas
missirijietek,

8l-allat tal-ġnus ta’ madwarek, qrib tiegħek jew ’il bogħod minnek, minn tarf għal
ieħor tal-art -

9toqgħodx għalih u lanqas tisimgħu, lanqas jitħassruh għajnejk, u la taħmlu u
lanqas tostru.


© 2020 Malta Bible Society.

10Imma għandek toqtlu, u l-ewwel ma terfa' idek int biex toqtlu, u mbagħad il-poplu kollu.

11Int tħaġġru sa ma jmut, għax ikun fittex li jaqtgħek mill-Mulej, Alla tiegħek, li ħarġek mill-art tal-Eġittu, minn dar il-jasar.

12U jisma' Iżrael kollu, u jibża', u ma jibqax jagħmel ħażen bħal dan f'nofsok.

13"Jekk f'xi waħda mill-ibliet, li l-Mulej, Alla tiegħek, se jagħtik biex tgħammar fihom, tismagħhom jgħidu

14li ħarġu xi nies ħżiena minn nofsok u xewxu lin-nies tal-ibliet u qalulhom: 'Ħa mmorru nservu allat oħra, li ma nafux bihom,'

15fittex għarbel u staqsi sewwa. Jekk issib li dan hu minnu, li hekk hu tassew, li saret din il-ħaġa moqżieża f'nofsok,

16oqtol għalkollox b'xifer ix-xabla n-nies ta' din il-belt u ixħetha għall-qerda, lilha b'kulma fiha u l-bhejjem tagħha b'xifer ix-xabla.

17U tiġbor il-ġid kollu tagħha f'nofs il-pjazza, u taħraq bin-nar il-belt u l-ġid tagħha b'offerta sħiħa lill-Mulej, Alla tiegħek, u tibqa' ħerba għal dejjem u ma tibniha qatt.

18Xejn ma għandu jeħel ma' idejk minn dak li jkun għall-qerda, biex il-Mulej jerġa' lura mill-korla tiegħu, u jagħmel ħniena miegħek, u jħenn għalik u jkattrek, bħalma wiegħed lil missirijietek

19għax tkun smajt leħen il-Mulej, Alla tiegħek, u ħarist l-ordnijiet kollha li jien qiegħed nordnalek illum, u qiegħed tagħmel dak kollu li jogħġob lill-Mulej, Alla tiegħek.

## Dewteronomju 14

### Riti tal-mejtin pagani

1"Intom ulied il-Mulej, Alla tagħkom: la tqattgħux ġisimkom, lanqas taqtgħu xagħarkom ta' bejn għajnejkom minħabba xi mejjet.

2Għaliex int poplu qaddis għall-Mulej, Alla tiegħek; u lilek għażel il-Mulej biex tkun poplu tiegħu, il-magħżul fost il-popli kollha fuq wiċċ l-art.

### Bhejjem safja u bhejjem imniġġsa

3"Ma għandek tiekol xejn mistkerrah.

4Dawn huma l-bhejjem li tistgħu tieklu laħamhom: il-gendus, in-nagħġa, il-mogħża,

5iċ-ċerv, l-għażżiela, u ċ-ċerv u l-mogħoż selvaġġi, l-antilop, il-buflu u l-kamoxx.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

6Tistgħu tieklu minn kull bhima bid-dwiefer, jew bid-difer maqsum fi tnejn u tixtarr; din tistgħu tieklu laħamha.

7Imma minn dawk li jixtarru, u minn dawk b'difrejhom mhumiex maqsumin, tiklux: il-ġemel, il-liebru, u l-fenek; dawn jixtarru, imma difrejhom mhumiex maqsumin; intom għandkom tqisuhom imniġġsa.

8Il-ħanżir ukoll hu mniġġes għax, għalkemm difrejh maqsumin, ma jixtarrx. M'għandkomx tieklu laħamhom, u ġisimhom mejjet la tmissuhx.

9"Minn kulma jgħix fl-ilma tistgħu tieklu dawn: tistgħu tieklu minn dawk li għandhom il-ġwienaħ u l-qxur;

10imma m'għandkomx tieklu minn dawk li m'għandhomx ġwienaħ u qxur, għax dawn huma mniġġsa għalikom.

11"Tistgħu tieklu kull għasfur safi.

12Ma tistgħux tieklu mill-ajkla, il-bugħadam, il-kuċċarda,

13is-seqer, kull xorta ta' bies;

14kull xorta ta' għareb;

15in-nagħma, il-kokka, il-gawwija, u s-seqer ta' kull xorta;

16il-barbaġann, omm is-sibjien, iż-żinna;

17il-qwaqq, it-tiġieġa tal-baħar,

18il-margun; il-laqlâq u kull xorta ta' russett; id-daqquqa tal-pinnaċċ u l-farfett il-lejl.

19Kull dud li jtir qisuh imniġġes għalikom; tiklux minnu.

20Tistgħu tieklu minn kull tajra safja.

21"Tiklux mill-ebda bhima mejta: tista' tagħtiha lill-frustier li jkun jgħammar fi blietek biex jiekol minnha, jew tbigħha lill-barrani. Għax int poplu kkonsagrat lill-Mulej, Alla tiegħek. La tgħallix gidi f'ħalib ommu!

## L-għexur

22"Hu mill-għaxra waħda mill-frott tal-miżirgħa tiegħek, minn kulma trodd l-art kull sena.

23U tiekol quddiem il-Mulej, Alla tiegħek, fil-post li hu jagħżel fejn jgħammar ismu, mill-għaxra waħda tal-qmuħ, tal-inbid ġdid tiegħek, taż-żejt tiegħek, l-ewwel frieħ tal-baqar u l-imrieħel tiegħek, biex titgħallem tibża' mill-Mulej, Alla tiegħek, għal dejjem.


© 2020 Malta Bible Society.

[24]“Jekk imbagħad ikollok triq twila żżejjed u ma tkunx tista’ ġġorru, għax il-post
li l-Mulej, Alla tiegħek, ikun għażel biex iqiegħed ismu fih ikun ’il bogħod minnek,
meta l-Mulej, Alla tiegħek, ikun bierkek,

[25]bigħ l-għexur tal-frott, u l-flus sorrhom u ħudhom miegħek fil-post li l-Mulej,
Alla tiegħek, ikun għażel.

[26]Hemm tonfoq il-flus f’kulma tixtieq qalbek; baqar, nagħaġ, inbid, xorb, u kulma
tgħidlek qalbek, u tikolhom hemm quddiem il-Mulej, Alla tiegħek, u tifraħ, int u
l-familja tiegħek.

[27]“Imma tinsiex il-Levita li jkun fi blietek, għax dan ma għandu ebda sehem u
wirt miegħek.

[28]Kull tliet snin, fl-aħħar tas-sena, tiġbor mill-għaxra waħda tal-frott ta’ dik is-
sena u tqegħedha ħdejn bwieb blietek,

[29]u mbagħad jiġi l-Levita, li ma għandux sehem u wirt miegħek, il-barrani, l-iltim
u l-armla, li jkunu fi blietek, u jieklu u jixbgħu, biex ibierkek il-Mulej, Alla tiegħek,
f’kulma tagħmel idek.

## Dewteronomju 15

### Is-sena tal-maħfra

[1]“Fi tmiem kull seba’ snin tagħmel il-maħfra;

[2]u l-maħfra tkun din: kull min ikollu jieħu, jaħfer kulma jkun silef lil għajru; ma
jitlobx lura l-ħlas minnu malli titnieda l-maħfra f’ġieħ il-Mulej.

[3]Tista’ titlob lill-barrani, imma lil ħuk erħilu dak li jkollok għandu.

[4]Ma jkunx hemm fqir f’nofsok, għax il-Mulej ibierkek żgur fl-art li l-Mulej, Alla
tiegħek, se jagħtik biex tkun sehmek b’wirt;

[5]basta tisma’ l-kelma tal-Mulej, Alla tiegħek, u tħares sewwa dawn l-ordnijiet
kollha li jien qiegħed nagħtik illum.

[6]Għax il-Mulej, Alla tiegħek, ibierkek bħalma wiegħdek; u tislef lil ħafna ġnus,
imma int ma tissellifx; u ssaltan fuq ħafna ġnus, u fuqek ma jsaltnux.

[7]“Jekk ikun hemm xi ħadd fil-bżonn minn fost ħutek f’xi waħda minn bliet artek,
li l-Mulej, Alla tiegħek, se jagħtik, la twebbisx qalbek u tagħlaqx idek għal ħuk fil-
bżonn.

[8]Imma iftaħ idek miegħu, u isilfu skont ma jkollu bżonn.

[9]Qis li ma jidħolx xi ħsieb ħażin f’moħħok u tgħid: ‘waslet is-seba’ sena tal-
maħfra,’ u tħares b’għajn ħażina fuq ħuk fil-bżonn u ma tagħtihx, għax jgħajjat
lill-Mulej kontra tiegħek u int ikollok ħtija.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

10Int għandek tagħtih, u la ssewwidx qalbek meta tagħtih, għaliex minħabba f'dan ibierkek il-Mulej, Alla tiegħek, f'kulma tmidd idek għalih.

11Għax qatt ma jonqos xi ħadd fil-bżonn fil-pajjiż; għalhekk jien nordnalek u ngħidlek: Iftaħ idek sewwa lil ħuk, lill-fqir u lill-miskin f'artek.

12"Jekk ibigħulek lil xi ħadd minn ħutek, Lhudi jew Lhudija, iservik sitt snin, u fis-seba' sena titilqu ħieles minn miegħek.

13U meta titilqu ħieles minnek, tibagħtux idu f'idu.

14Imma agħtih b'idejk miftuħa tagħmira mill-imrieħel tiegħek, mill-andar u mill-magħsar tiegħek; agħtih milli jkun bierkek bih il-Mulej, Alla tiegħek.

15Ftakar li int ukoll kont ilsir fl-art tal-Eġittu u fdiek il-Mulej, Alla tiegħek; għalhekk illum qiegħed nordnalek dan.

16"Jekk huwa jgħidlek: 'Ma rridx nitlaq minn miegħek,' għax iħobbok u jħobb lil darek, għax ikun qiegħed tajjeb miegħek,

17ħu xifa u taqqablu widintu mal-bieb, u jkun ilsir tiegħek għal dejjem, u agħmel l-istess mal-mara lsira tiegħek.

18"La teħodhiex bi kbira li tħallih jitlaq ħieles minn miegħek; għaliex għal sitt snin ikun ħadimlek darbtejn daqskemm jiswa l-ħlas tal-ħaddiem mikri; u jbierkek il-Mulej, Alla tiegħek, f'kulma tagħmel.

### L-ewwel frieħ

19"Kull ferħ raġel li jitwieled l-ewwel mill-baqar jew l-imrieħel tiegħek tikkonsagrah lill-Mulej, Alla tiegħek; ma tagħmel ebda xogħol bl-ewwel ferħ tal-baqar tiegħek u ġġiżżx l-ewwel ferħ tan-nagħaġ tiegħek.

20Minn sena għal sena, dawn il-frieħ tikolhom flimkien mal-familja tiegħek quddiem il-Mulej, Alla tiegħek, fil-post li l-Mulej, Alla tiegħek, ikun għażel.

21Jekk il-ferħ ikun fih xi nuqqas, agħma jew zopp, jew ikollu xi difett kbir ieħor, toffrihx b'sagrifiċċju lill-Mulej, Alla tiegħek.

22Imniġġes jew safi, tieklu fi blietek, bħalma tieklu l-għażżiela u ċ-ċerva.

23Biss m'għandekx tiekol demmu, iżda xxerrdu fl-art bħall-ilma.

## Dewteronomju 16

### Il-festi tas-sena

1"Ħares ix-xahar ta' Abib, u agħmel il-festa tal-Għid f'ġieħ il-Mulej, Alla tiegħek, għax fix-xahar ta' Abib ħarġek il-Mulej, Alla tiegħek, mill-art tal-Eġittu billejl.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

2 Oqtol u offri s-sagrifiċċju tal-Għid, nagħaġ u baqar, lill-Mulej, Alla tiegħek, fil-post li jagħżel il-Mulej li jqiegħed ismu fih.

3 Ma tikolx ħobż bil-ħmira miegħu; imma għal sebat ijiem tiekol ħobż ażżmu, ħobż in-niket, għax bl-għaġla ħriġt mill-art tal-Eġittu, biex tiftakar jum ħruġek mill-Eġittu, il-jiem kollha ta' ħajtek.

4 M'għandha tidher ebda ħmira fil-pajjiż kollu tiegħek għal sebat ijiem, u m'għandu jibqa' xejn għal filgħodu mil-laħam li tkun offrejt b'sagrifiċċju filgħaxija l-jum ta' qabel.

5 Ma tistax toffri s-sagrifiċċju tal-Għid f'ebda waħda mill-ibliet li se jagħtik il-Mulej, Alla tiegħek,

6 jekk mhux fil-post li jagħżel il-Mulej, Alla tiegħek, biex iqiegħed ismu fih. Hemm toffri s-sagrifiċċju tal-Għid filgħaxija ma' nżul ix-xemx, fil-ħin li int ħriġt mill-Eġittu.

7 Issajru u tieklu, fil-post li jagħżel il-Mulej, Alla tiegħek. L-għada filgħodu int tista' ddur lura, u tmur fit-tined tiegħek.

8 Għal sitt ijiem tiekol ħobż ażżmu, u fis-seba' jum ikollok laqgħa f'ġieħ il-Mulej, Alla tiegħek, u ma tagħmel ebda xogħol.

9 "Int tgħodd seba' ġimgħat: tibda tgħodd seba' ġimgħat minn meta tibda tmidd il-minġel għall-ħsad.

10 U tagħmel il-festa tal-Ġimgħat f'ġieħ il-Mulej, Alla tiegħek, u toffri minn rajk kemm tista' tagħti idek, skont ma jkun bierkek il-Mulej, Alla tiegħek.

11 "U tifraħ quddiem il-Mulej, Alla tiegħek, int u wliedek, subien u bniet, l-ilsir u l-ilsira tiegħek, il-Levita li jkun fi blietek, u l-barrani, l-iltim u l-armla, li jkunu f'nofsok fil-post li jkun għażel il-Mulej biex iqiegħed ismu fih.

12 U ftakar li lsir kont fl-Eġittu, u qis li tħares dawn il-liġijiet.

13 "Tagħmel il-festa tal-Għerejjex meta taħżen il-ġabra tal-andar u l-magħsar tiegħek.

14 U fil-festa tiegħek tifraħ int, uliedek, subien u bniet, l-ilsir u l-ilsira tiegħek, il-Levita u l-barrani, l-iltim u l-armla, li jkunu fi blietek.

15 Għal sebat ijiem tagħmel il-festa f'ġieħ il-Mulej, Alla tiegħek, fil-post li jkun għażel il-Mulej; għax il-Mulej, Alla tiegħek, ibierkek fil-ġabra tiegħek kollha, u f'kulma jagħmlu idejk, u tkun tassew ferħan.

16 "Tliet darbiet fis-sena kull raġel f'nofsok għandu jidher quddiem il-Mulej, Alla tiegħek, fil-post li jkun għażel: fil-festa tal-Ażżmi, fil-festa tal-Ġimgħat, u fil-festa tal-Għerejjex; u m'għandux jidher quddiem il-Mulej idu f'idu.


© 2020 Malta Bible Society.

17Kulħadd jagħti kemm jista' skont il-barka li jkun tak il-Mulej, Alla tiegħek.

### L-imħallfin

18"Int tqiegħed imħallfin u uffiċjali f'kull belt tiegħek li l-Mulej, Alla tiegħek, se
jagħtik, għal kull tribù tiegħek, biex jagħmlu l-ħaqq mill-poplu bis-sewwa.

19La tgħawwiġx il-ġustizzja, tħarisx lejn l-uċuħ, u taċċettax rigali, għax ir-rigali
jagħmu għajnejn l-għorrief u jgħawġu kliem in-nies sewwa.

20Għandek tfittex il-ġustizzja, u l-ġustizzja biss, biex inti tgħix u żżomm l-art
f'idejk, li l-Mulej, Alla tiegħek, se jagħtik.

21"Ma għandek twaqqaf ebda xbieha tal-Asera, u ma tħawwel ebda siġra ħdejn l-
artal li tibni lill-Mulej, Alla tiegħek;

22u anqas twaqqaf plieri, għax jobgħodhom il-Mulej, Alla tiegħek.

## Dewteronomju 17

### Min jadura allat foloz

1"Toffrix b'sagrifiċċju lill-Mulej, Alla tiegħek, barri jew mogħża, li jkun fiha xi
difett jew xi ħsara, għax dan jistkerrhu l-Mulej.

2"Jekk jitfaċċa xi ħadd f'nofsok, f'xi waħda minn blietek, li l-Mulej, Alla tiegħek,
se jagħtik, raġel jew mara, li jagħmel xi ħaġa ma togħġobx lill-Mulej, Alla tiegħek,
u jikser il-patt tiegħu,

3u jmur iservi allat oħra - ix-xemx, il-qamar, it-tagħmir kollu tas-smewwiet - u
jinxteħet quddiemhom, ħaġa li jien ma ordnajtilkomx li tagħmlu;

4u jgħidulek u tisma' bihom, stħarreġ sewwa, u jekk ikun minnu, jiġifieri li tkun
saret din il-ħaġa mistkerrha f'nofs Iżrael,

5oħroġ lil dan ir-raġel jew mara, li jkunu għamlu din il-ħaġa ħażina, f'bieb beltek,
ir-raġel u l-mara, u tħaġġarhom sa ma jmutu.

6"Min hu għall-mewt oqtlu fuq ix-xhieda ta' tnejn jew tlieta; toqtolx fuq il-kelma
ta' xhud wieħed.

7L-ewwel ma jmidd idu fuq rasu biex joqtlu jkun ix-xhud stess, imbagħad imidd
idu l-poplu kollu, u hekk tkun qridt il-ħażen minn ġo nofsok.

8"Jekk il-kawża tkun tqila għalik biex tiddeċiedi bejn qtil u qtil, bejn dritt u dritt,
bejn drib u drib, qum u itla' fil-post li jagħżel il-Mulej, Alla tiegħek, biex iqiegħed
ismu fih,

9u mur għand il-qassisin Leviti u quddiem l-imħallef li jkun hemm dak iż-żmien,
u fittex mingħandhom, u jagħtuk is-sentenza tal-ħaqq.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

10U agħmel skont il-kelma li jgħidulek f'dak il-post li jagħżel il-Mulej biex iqiegħed ismu fih, u qis li tagħmel skont ma juruk hemmhekk.

11Tagħmel skont it-twissijiet li jagħmlulek u skont is-sentenzi li jagħtuk; ma tilwix minn dak li jgħallmuk, la lejn ix-xellug u lanqas lejn il-lemin.

12"Min imbagħad jazzarda u ma jismax mill-qassis, li qiegħed hemm biex jaqdi lill-Mulej, Alla tiegħek, jew mill-imħallef, dan il-bniedem ikun ħaqqu l-mewt, u hekk tkun qridt il-ħażen minn Iżrael.

13U l-poplu kollu jisma', u jibża', u ma jitkabbrux aktar.

### Is-sultan

14"Meta int tasal fl-art li l-Mulej, Alla tiegħek, se jagħtik biex teħodha f'idejk u tgħammar fiha, u tgħid: 'Ħa nagħmel sultan fuqi bħall-ġnus ta' madwari'; int tista' tagħmel sultan fuqek, li jkun ħatru l-Mulej, Alla tiegħek.

15Int tista' tagħmel sultan fuqek lil wieħed minn fost ħutek; ma tistax tqiegħed fuqek wieħed barrani, li ma jkunx ħuk.

16Biss m'għandux iżomm għadd kbir ta' żwiemel u anqas m'għandu jieħu l-poplu lura fl-Eġittu biex iżid iż-żwiemel, għax il-Mulej qalilkom: 'La taqbdux iżjed din it-triq.'

17Anqas ma għandu jkollu ħafna nisa, li ma ddurx qalbu; u lanqas ħafna fidda u deheb.

18Meta joqgħod fuq it-tron ta' saltnatu, jikteb mill-ġdid din il-liġi fi ktieb minn fuq dik li hemm għand il-qassisin Leviti.

19U jżommha dejjem għandu u jaqraha l-jiem kollha ta' ħajtu, biex jitgħallem jibża' mill-Mulej, Alla tiegħu, u jħares il-kliem kollu ta' din il-liġi u dawn l-istatuti, biex iħarishom;

20u ma jintrefax f'qalbu 'l fuq minn ħutu, u ma jilwix mill-kmandamenti lejn il-lemin jew lejn ix-xellug; biex idum għal żmien twil fuq saltnatu, hu u wliedu, f'nofs Iżrael.

## Dewteronomju 18

### Il-qassisin

1"Il-qassisin Leviti, it-tribù kollha ta' Levi, ma jkollhomx sehem u wirt mal-poplu ta' Iżrael; jgħixu mis-sagrifiċċji u l-wirt tal-Mulej.

2Ma jkollhomx sehem f'nofs ħuthom; il-Mulej hu l-wirt tagħhom, kif wegħedhom.


© 2020 Malta Bible Society.

3“Dan hu li jmiss bi dritt lill-qassisin mingħand il-poplu, mingħand min joffri s-sagrifiċċju, mill-baqar jew min-nagħaġ; għandu jagħti lill-qassis l-ispallejn, ix-xdieq u l-kirxa;

4tagħtih ukoll il-bikri tal-qmuħ tiegħek, tal-inbid ġdid, u taż-żejt tiegħek, u l-bikri tal-ġeżż tan-nagħaġ tiegħek.

5Għax lilu għażel il-Mulej, Alla tiegħek, mit-tribù kollha ta’ Iżrael, biex jaqdi lill-Mulej, Alla tiegħek, u jservi f’isem il-Mulej, hu u wliedu għal dejjem.

6“Jekk imbagħad jiġi xi Levita fil-post li jkun għażel il-Mulej minn xi waħda minn blietek, jew minn xi mkien f’Iżrael kollu fejn ikun joqgħod, jekk jiġi minn qalbu u minn rajh,

7ħallih iservi f’isem il-Mulej, Alla tiegħu, bħal ħutu l-oħra l-Leviti, li jkunu quddiem il-Mulej.

8Ikollu l-istess porzjon ta’ ikel, minbarra dak li jiret mill-ġid ta’ missirijietu.

## Il-profeta

9“Meta inti tidħol fl-art li l-Mulej, Alla tiegħek, se jagħtik, titgħallimx timxi fuq id-drawwiet koroh ta’ dawn il-ġnus.

10Ma għandu jkun hemm ħadd f’nofsok li jgħaddi min-nar lil ibnu jew lil bintu, lanqas min jeħber, min jitkixxef il-ġejjieni,

11min jagħmel il-magħmul u s-sħarijiet, min isejjaħ l-erwieħ, min jobsor u jistħarreġ il-mejtin.

12Għax mistkerrah quddiem il-Mulej kull min jagħmel dawn il-ħwejjeġ; u minħabba dawn id-drawwiet koroħ, il-Mulej, Alla tiegħek, se jkeċċihom minn quddiemek.

13Kun perfett quddiem il-Mulej, Alla tiegħek.

14Għax dawn il-ġnus li int se tkeċċi ’l barra, jisimgħu minn dawk li jobsru u jeħbru, imma lilek il-Mulej, Alla tiegħek, ma jħallikx tagħmel hekk.

15“Il-Mulej, Alla tiegħek, iqajjimlek profeta bħali minn ġensek, minn fost ħutek; lilu għandkom tisimgħu.

16Dan kollu skont ma tlabt inti stess lill-Mulej, Alla tiegħek, fil-Ħoreb f’jum il-laqgħa, meta għedt: ‘Jalla ma nismax aktar leħen il-Mulej, Alla tiegħi, u ma narax aktar dan in-nar iħeġġeġ, ħalli ma mmutx.’

17U l-Mulej qalli: ‘Sewwa għamlu li tkellmu.

18Jiena nqajmilhom profeta bħalek, minn fost ħuthom; inqiegħed kliemi fuq fommu, u jħabbrilhom kulma nordnalu.


© 2020 Malta Bible Society.

19Min ma jagħtix widen għal kliemi li huwa jħabbar f'ismi, jiena nitolbu kont talli jkun naqas.

20U jekk xi profeta jfettillu jgħid f'ismi ħwejjeġ li ma nkunx qabbadtu jgħid, jew inkella jħabbar f'isem allat oħra, dan il-profeta jkun ħaqqu l-mewt.'

21"Jekk inti tiġi biex tgħid f'qalbek: 'Kif nagħrfu l-kelma li ma tkunx tal-Mulej?'

22Dan jiġri meta l-kelma li jgħid il-profeta f'isem il-Mulej ma sseħħx u ma jiġri xejn; din il-kelma ma jkunx qalha l-Mulej; ikun qalha l-profeta bi preżunzjoni; la tibżax minnu.

## Dewteronomju 19

### L-ibliet tal-kenn

1"Meta l-Mulej, Alla tiegħek, ikun qered il-ġnus, li l-Mulej, Alla tiegħek, se jagħtik arthom, u int teħodha f'idejk u tgħammar fl-ibliet u d-djar tagħhom,

2agħżel għalik tlitt ibliet f'nofs l-art li l-Mulej, Alla tiegħek, se jagħtik biex tkun tiegħek.

3U inti twitti t-triq għalihom, u tqassam fi tlieta l-medda tal-art li l-Mulej, Alla tiegħek, se jqassamlek, u kull min joqtol ikun jista' jistkenn fihom.

4"Jistkenn hemmhekk, u jibqa' ħaj il-qattiel, li jkun darab lil għajru bla ma kien jaf u bla ma kien jobogħdu qabel.

5Bħal meta wieħed imur ma' sieħbu fil-bosk biex jaqtal-ħatab, u kif imidd idu bil-mannara biex jaqta' siġra, itirlu l-ħadid mill-manku, u jolqot lil sieħbu u jmut; dan jaħrab f'waħda minn dawn l-ibliet u jsalva ħajtu;

6li ma jmurx jitlaq għal wara l-qattiel qarib il-mejjet bil-jedd tal-vendetta f'saħna ta' demm, u jilħqu minħabba t-tul tat-triq, u joqtlu, bla ma jkun ħaqqu l-mewt, għax ma kienx jobogħdu fl-imgħoddi.

7Għalhekk nordnalek, u ngħidlek, biex twarrab għalik tlitt ibliet.

8"Jekk imbagħad il-Mulej, Alla tiegħek, iwessa' t-truf ta' artek, bħalma wiegħed lil missirijietek, u jagħtik l-art kollha li wiegħed li jagħti lil missirijietek -

9għax tkun ħarist din l-ordni li qiegħed nagħtik illum, u għamiltha u wrejt li tħobb il-Mulej, Alla tiegħek, u li timxi fi triqtu l-jiem kollha ta' ħajtek - żid tlitt ibliet oħra ma' dawn it-tlieta,

10biex ma jixxerridx demm innoċenti f'artek, li se jagħtik il-Mulej, Alla tiegħek, b'wirt, u ma jkollokx fuqek il-ħtija tad-demm.


© 2020 Malta Bible Society.

11“Jekk ikun hemm xi ħadd li jobgħod lil għajru u jgħassislu bil-moħbi, iħebb
għalih u jidorbu għall-mewt u jmut, u l-qattiel jaħrab f'xi waħda minn dawn l-
ibliet,

12ix-xjuħ tal-belt tiegħu jibagħtu jġibuh minn hemm, u jagħtuh f'idejn il-qarib
tal-mejjet bil-jedd tal-vendetta biex joqtlu.

13Tħarisx b'għajn ħanina lejh; neħħi minn nofs Iżrael il-ħati tad-demm innoċenti,
u jkollok ir-risq.

14“La tħarrikx il-plieri tar-raba' ta' għajrek, minn fejn qegħduhom ta' qablek, fil-
qasam li jmissek fl-art li l-Mulej, Alla tiegħek, se jagħtik, u int se tieħu f'idejk.

### Ix-xhud

15“Xhud wieħed kontra xi ħadd ma jgħodd għall-ebda dnub u għall-ebda ħtija,
ikun xi jkun li wieħed ikun għamel; fuq il-kelma ta' żewġ xhieda jew tlieta
tipprova l-fatti.

16Jekk iqum xi xhud kontra xi ħadd, u jixhed b'fehma ħażina xi ħaġa ħażina
kontrih,

17it-tnejn min-nies li jkollhom xi jgħidu jidhru quddiem il-Mulej, quddiem il-
qassisin u quddiem l-imħallfin li jkun hemm dak iż-żmien,

18u l-imħallfin jistħarrġu sewwa, u jekk isibu li x-xhud kien xhud giddieb, u jkun
akkuża u gideb kontra ħuh,

19tagħmlulu dak li kellu ħsieb jagħmel hu lil ħuh. U hekk teqred il-ħażen minn ġo
nofsok.

20U malli jisimgħu l-bqija tal-poplu, jibżgħu, u ma jibqgħux jagħmlu ħażen bħal
dan ġo nofsok.

21Tħarisx b'għajn ħanina; iżda ħajja b'ħajja, għajn b'għajn, sinna b'sinna, id b'id,
riġel b'riġel.

## Dewteronomju 20

### Żmien il-gwerra

1“Meta toħroġ għall-ġlied kontra l-għedewwa tiegħek, u tara żwiemel u karrijiet,
kotra ta' nies ħafna aktar minnek, tibżax minnhom għax ikun miegħek il-Mulej,
Alla tiegħek, li ħarġek mill-Eġittu.

2U meta tkunu se titqabdu joħroġ fin-nofs il-qassis u jkellem lill-poplu

3u jgħidilhom: 'Isma' Iżrael, intom illum sejrin titqabdu kontra l-għedewwa
tagħkom; la taqtgħux qalbkom, la tibżgħux, la titregħdux, la titwerwrux
quddiemhom.


© 2020 Malta Bible Society.

4Għax il-Mulej, Alla tagħkom, jimxi magħkom biex jitqabad għalikom kontra l-
għedewwa tagħkom u jsalvakom.

5"Imbagħad jitkellmu l-fizzjali u jgħidu lill-poplu: 'Hemm xi ħadd li għadu kif
bena xi dar ġdida u għadu ma żanżanhiex? Ha jitlaq u jmur lura lejn daru li ma
jmutx fit-taqbida, u jżanżanha ħaddieħor.

6Hemm xi ħadd li ħawwel xi qasam dwieli u għadu ma ħa xejn minnu? Ha jitlaq
u jerġa' lura lejn daru, li ma jmutx fit-taqbida u jieħu l-frott ħaddieħor.

7Hemm xi ħadd li tgħarras xi mara u għadu ma żżewwiġhiex? Ha jitlaq u jerġa'
lura lejn daru, li ma jmutx fit-taqbida u jiżżewwiġha ħaddieħor.'

8U l-fizzjali jissuktaw ikellmu lill-poplu u jgħidulhom: 'Hemm xi ħadd li jibża' u
jaqta' qalbu? Ha jitlaq u jerġa' lura lejn daru, li ma jaqtax qalb ħutu, bħalma qata'
qalbu hu.'

9Malli l-fizzjali jtemmu kliemhom lill-poplu, jintgħażlu l-kmandanti tal-eżerċtu
biex imexxu l-poplu.

10"Meta toqrob lejn xi belt biex taħbat għaliha, l-ewwel stedinha għall-paċi.

11Jekk tilqa' l-offerta tal-paċi u jiftħulek, in-nies kollha li jkunu fiha jaqgħu lsiera
tiegħek u jservuk.

12Jekk imbagħad ma jilqgħux l-offerta tal-paċi u jitqabdu miegħek, agħlaqha
dawramejt,

13u l-Mulej, Alla tiegħek, jerħiha f'idejk, u oqtol l-irġiel kollha bil-ponta tax-xabla.

14Halli ħajja biss in-nisa, it-tfal, il-bhejjem u kulma jkun hemm fil-belt; dawn
kollha teħodhom priża għalik; tiekol il-priża tal-għadu tiegħek, li jkun reħa
f'idejk il-Mulej, Alla tiegħek.

15Hekk għandek tagħmel mal-ibliet li huma 'l bogħod ħafna minnek, li mhumiex
mill-ibliet ta' dawn il-ġnus ta' hawnhekk.

16"Imma fl-ibliet ta' dawn il-ġnus, li l-Mulej, Alla tiegħek, se jerħi f'idejk biex
tirithom, tħalli ebda ruħ ħajja.

17Eqridhom għalkollox - il-Ħittin u l-Amurrin, il-Kangħanin u l-Periżżin, il-
Ħiwwin u l-Ġebusin - bħalma ordnalek il-Mulej, Alla tiegħek,

18li ma jgħallmukomx tagħmlu l-qżiżijiet kollha tagħhom li huma għamlu
quddiem l-allat tagħhom, u tidinbu kontra l-Mulej, Alla tagħkom.

19"Jekk intom taħbtu għal xi belt, u ddawruha għal żmien twil biex tegħlibha u
teħodha, tmiddx għal fuqhom il-fies u tħarbatx is-siġar; tista' tiekol minnhom
iżda tqaċċathomx. Jaqaw is-siġar tar-raba' huma bnedmin biex int iddur
għalihom?


© 2020 Malta Bible Society.

[20]Imma s-siġar li inti taf li ma jiswewx għall-ikel tista' tħarbat u tqaċċat, u tagħmel minnhom għodod tal-gwerra għal fuq il-belt, li tkun tiġġieled miegħek, sakemm ma ċċedix.

## Dewteronomju 21

### Il-qattiel moħbi

[1]"Jekk fl-art li l-Mulej, Alla tiegħek, se jagħtik biex tiret, issibu fir-raba' lil xi ħadd maqtul u mixħut fl-art bla ma jkun jaf ħadd min qatlu,

[2]joħorġu x-xjuħ u l-imħallfin tiegħek u jkejlu l-bogħod tal-ibliet madwar il-mejjet.

[3]Imbagħad meta jsibu l-eqreb belt, ix-xjuħ ta' din il-belt jieħdu għoġla, li qatt ma jkunu ħadmu biha u li qatt ma tkun ġarret madmad.

[4]U x-xjuħ ta' dik il-belt jieħdu l-għoġla f'wied dejjem bl-ilma, fejn ma jinħadimx u ma jinżerax, u hemm jiksru għonq l-għoġla fil-wied.

[5]U jersqu l-qassisin, ulied Levi - għax lilhom għażel il-Mulej, Alla tiegħek, biex jaqduh u jbierku f'isem il-Mulej - u fuq kelmthom tinqata' kull tilwima u kull ħabta.

[6]U x-xjuħ kollha ta' dik il-belt, l-eqreb lejn il-maqtul, jaħslu idejhom fuq l-għoġla li jkunu kisrulha għonqha fil-wied,

[7]u mbagħad jistqarru u jgħidu: 'Idejna ma xerrdux dan id-demm, u għajnejna ma raw xejn.

[8]Aħfer Mulej lill-poplu tiegħek Iżrael, li int fdejt, u tħallix il-ħtija ta' demm innoċenti f'nofs il-poplu tiegħek Iżrael.' U hekk tinħafrilhom il-ħtija,

[9]u int tkun neħħejt il-ħtija tad-demm innoċenti minn ġo nofsok, għax tkun għamilt dak li jogħġob il-Mulej.

### Żwieġ ma' mara priġuniera tal-gwerra

[10]"Meta toħroġ għall-gwerra kontra l-għedewwa tiegħek, u l-Mulej, Alla tiegħek, jerħihom f'idejkom u tieħu minnhom priġunieri,

[11]jekk fost dawn il-priġunieri tilmaħ xi mara sabiħa f'suritha u titgħaxxaq biha, int tista' teħodha b'martek.

[12]"Iddaħħalha ġo darek, u hi tqarweż rasha, u taqta' difrejha.

[13]Tneħħi minn fuqha l-ilbies ta' priġuniera u toqgħod f'darek, tibki lil missierha u lil ommha għal xahar, u mbagħad int tkun tista' tersaq lejha, u int tkun żewġha u hi martek.


© 2020 Malta Bible Society.

14U jekk imbagħad ma tibqax togħġbok ħalliha tmur għal rasha, imma ma tistax
tbigħha bil-flus, u lanqas taħqarha, għax int tkun telliftilha ġieħha.

### Id-dritt tal-primoġenitu

15"Jekk raġel ikollu żewġ nisa, u jħobb lill-waħda u jistmell lill-oħra, u sew il-
maħbuba sew il-mistmella jwildulu t-tfal, u l-iben il-kbir ikun tal-mistmella,

16dakinhar li jiġi biex jaqsam il-ġid li jkollu lil uliedu, ma jistax iqis b'ibnu l-kbir
bin il-maħbuba, flok ibnu l-kbir bin il-mistmella.

17Għandu jagħraf bħala ibnu l-kbir bin il-mistmella, u jagħtih żewġ ishma minn
kulma jinsab għandu; għax hu l-bikri ta' saħħtu, u lilu jmiss id-dritt tal-iben il-
kbir.

### L-iben stinat

18"Jekk xi ħadd ikollu ibnu ma jobdihx u jkun stinat, u ma jismax minn kliem
missieru u minn kliem ommu, iwiddbuh u jqum kontra tagħhom u ma jismax
minnhom,

19jaqbduh missieru u ommu, u jeħduh għand ix-xjuħ tal-belt tiegħu, f'bieb il-post
fejn joqgħod.

20U jgħidu lix-xjuħ tal-belt: 'Dan minna ma jobdix u stinat, ma jismax minn
kliemna, ħali u sakranazz.'

21Imbagħad in-nies kollha ta' beltu jħaġġruh sakemm imut, u hekk int teqred il-
ħażen minn ġo nofsok; u Iżrael kollu jisimgħu u jibżgħu.

### Il-katavru tal-imgħallaq

22"Jekk xi ħadd ikun ħati u jkun ħaqqu l-mewt, u toqtlu u ddendlu ma' zokk ta'
siġra,

23tħallix ġismu mdendel maz-zokk, iżda idfnu dak in-nhar stess; għaliex wieħed
imdendel hu s-saħta ta' Alla, u ma għandekx ittabba' 'l artek, li l-Mulej, Alla
tiegħek, se jagħtik b'wirt.

## Dewteronomju 22

### Il-ħniena ma' għajrek

1"Meta tara l-baqra ta' ħuk jew in-nagħġa tiegħu mitlufa, la tagħmilx ta' birruħek
ma rajthomx, imma ħudhom lil ħuk.

2Jekk ħuk ikun 'il bogħod minnek, u ma tkunx tafu, iġbor il-bhima ġewwa darek,
u żommha għandek sakemm jiġi jfittixha ħuk, u mbagħad int troddhielu lura.

3U hekk agħmel lill-ħmar tiegħu, hekk agħmel lil mantaru, u hekk agħmel lil kull
ħaġa mitlufa li jitlef ħuk u ssibha int; ma tistax tagħmel ta' birruħek ma rajthomx.


© 2020 Malta Bible Society.

4Jekk int tara l-ħmara ta' ħuk, jew il-baqra tiegħu mixħuta fl-art fit-triq, tagħmilx
ta' birruħek ma rajthomx; imma għandek tgħinu jqajjimhom.

5"Ebda mara ma għandha tilbes ħwejjeġ ta' raġel, anqas raġel ma jxidd libsa ta'
mara; għax il-Mulej ma jaħmilx lil min jagħmel ħwejjeġ bħal dawn.

6"Jekk tiltaqa' fit-triq ma' bejta għasafar, f'xi siġra jew fl-art, bil-frieħ jew bil-bajd,
bl-omm fuq il-frieħ jew fuq il-bajd, ma għandekx tieħu l-omm u l-frieħ.

7Imma itlaq l-omm, u ħu l-frieħ għalik, u hekk ikollok ir-risq, u jkollok ħajja twila.

8"Meta tibni dar ġdida agħmel ilqugħ madwar l-bejt, u ma tiġbidx il-ħtija tad-
demm fuq darek, jekk jaqa' xi ħadd minn hemm.

### Ma jkunx hemm taħlit

9"La tiżrax il-qasam tad-dwieli tiegħek b'żewġ xorta ta' żrieragħ, li ma jitqaddisx
kollox, u titlef il-wiċċ li tkun żrajt u l-frott tad-dwieli.

10"La taħratx b'baqra u ħmar flimkien.

11"Tilbisx libsa minsuġa mis-suf u l-kittien.

12"Agħmel il-ġmiemem fl-erbat itruf tal-mantar li titgħatta bih.

### Drittijiet taż-żwieġ

13"Jekk wieħed jiżżewweġ mara u jersaq lejha, u mbagħad jumbraha,

14u jaqla' fuqha ħwejjeġ mhux xierqa, u jxerrdilha fama ħażina, u jgħid: 'Din il-
mara ħadtha, ersaqt lejha u ma sibtilhiex il-provi tax-xbubija,'

15il-missier u l-omm tat-tifla jaqbdu u jieħdu l-provi tax-xbubija tat-tifla
quddiem ix-xjuħ fil-bieb tal-belt.

16U missier it-tifla jgħid lix-xjuħ: 'Tajt lil binti lil dan ir-raġel u issa umbraha.

17U ara, qiegħed jaqla' fuqha ħwejjeġ mhux xierqa, u jgħid: 'Lil bintek ma
sibtilhiex il-provi tax-xbubija.' Dawn huma l-provi tax-xbubija ta' binti.' U jifirxu
l-liżar quddiem ix-xjuħ tal-belt.

18U x-xjuħ ta' dik il-belt jaqbduh u jikkastigawh.

19U jwaħħluh mitt xekel tal-fidda u jagħtuhom lil missier it-tifla, għax ikun
xerred fama ħażina fuq xebba ta' Iżrael; u hu għandu jżommha b'martu u ma
jista' jwarrabha qatt f'għomru.

20"Imma jekk dan ikun minnu u ma jinstabux il-provi tax-xbubija tax-xebba,

21jieħdu t-tifla fil-bieb ta' missierha, u jħaġġruha l-irġiel tal-belt tagħha sakemm
tmut, għax tkun għamlet għajb f'Iżrael li żniet f'dar missierha. Hekk int teqred il-
ħażen minn ġo nofsok.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

22“Jekk raġel isibuh mimdud ma’ mara miżżewġa, għandhom imutu t-tnejn; ir-raġel li mtedd magħha, u l-mara miegħu; u hekk teqred il-ħażen minn Iżrael.

23“Jekk tifla xebba tkun mgħarrsa ma’ raġel, u jsibha raġel ieħor fil-belt u jimtedd magħha,

24oħorġuhom it-tnejn fil-bieb tal-belt, u ħaġġruhom sakemm imutu t-tnejn; it-tifla għax ma għajtitx fil-belt, u r-raġel għaliex tellef ġieħ il-mara ta’ għajru; u hekk teqred il-ħażen minn ġo nofsok.

25“Jekk ir-raġel isib it-tifla mgħarrsa fir-raba’ u jisfurzaha, u jimtedd magħha, imut biss ir-raġel li jkun imtedd magħha.

26Lit-tifla ma tagħmlilha xejn, għax it-tifla ma tkunx ħatja tal-mewt; għax dan bħal meta jħebb wieħed għal għajru, u jneħħilu ħajtu.

27Għax hu jkun sabha fir-raba’, u t-tifla mgħarrsa għajtet, u ma kienx hemm min jeħlisha.

28“Jekk raġel jiltaqa’ ma’ xebba mhix mgħarrsa, u jaqbadha u jimtedd magħha, u jinkixfu,

29ir-raġel li jkun imtedd magħha jagħti ħamsin xekel tal-fidda lil missier it-tifla, u jeħodha b’martu, billi jkun tellfilha ġieħha, u ma jkun jista’ jwarrabha qatt f’għomru.

## Dewteronomju 23

1“Ħadd ma jista’ jiżżewweġ il-mara ta’ missieru, lanqas jikxef tarf friex missieru.

### Ma jistgħux jidħlu fil-poplu ta’ Alla

2“Ma jidħolx fil-ġemgħa tal-Mulej ir-raġel li jkollu t-testikoli misħuqin jew il-membru virili maqtugħ.

3Ma jidħolx bin iż-żina fil-ġemgħa tal-Mulej, lanqas sal-għaxar nisel, anzi ħadd minn tiegħu ma jista’ qatt jidħol fil-ġemgħa tal-Mulej.

4“Ma jidħolx l-Għammoni u l-Mowabi lanqas sal-għaxar nisel, anzi ħadd minnhom ma jista’ qatt jidħol fil-ġemgħa tal-Mulej,

5għax dawn ma ġewx jilqgħukom bil-ħobż u l-ilma fit-triq meta ħriġtu mill-Eġittu; anzi xtara kontra tiegħek lil Bagħlam bin Begħor minn Petor f’Aram-naħarajm biex jisħtek.

6Il-Mulej, Alla tiegħek, ma riedx jisma’ lil Bagħlam, imma biddel il-Mulej, Alla tiegħek, is-saħta f’barka, għax ħabbek il-Mulej, Alla tiegħek.

7Tfittixx is-sliem jew il-ġid tagħhom, qatt f’ħajtek għal dejjem.


© 2020 Malta Bible Society.

8“Tumbrax lil wieħed Edomi, għax dan hu ħuk; tistmellx lil wieħed Eġizzjan, għax
int kont barrani f’artu.

9It-tielet nisel ta’ wliedhom jistgħu jidħlu fil-ġemgħa tal-Mulej.

### L-indafa fil-kamp

10“Meta toħroġ fil-kamp għall-għedewwa tiegħek qis li żżomm ’il bogħod kull
ħaġa mhijiex xierqa.

11Jekk ikun hemm xi ħadd li ma jkunx safi, minħabba li jkun ġralu billejl, għandu
joħroġ barra mill-kamp,

12u ma jidħolx f’nofs il-kamp qabel ma filgħaxija jinħasel bl-ilma, u ma nżul ix-
xemx jidħol ġewwa l-kamp.

13“Għandu jkollok post barra mill-kamp fejn tista’ tmur meta jkollok bżonn.

14U żżomm biċċa għuda mal-għodda tiegħek u, meta titbaxxa, tħaffer biha; u
meta tqum tgħatti l-ħmieġ tiegħek.

15Għax il-Mulej, Alla tiegħek, jitlajja fil-kamp tiegħek, biex isalvak u jerħi l-
għedewwa tiegħek f’idejk; għalhekk il-kamp tiegħek għandu jkun qaddis, li l-
Mulej ma jara xejn fih li ma jixraqx; u jdawwar wiċċu minnek.

### Ħniena ma’ għajrek

16“L-ilsir li jaħrab lil sidu u jistkenn għandek, titilqux f’idejn sidu.

17Jibqa’ jgħammar f’nofsok fil-post li tagħżel f’waħda minn blietek, fejn ikun l-
aħjar għalih. U la taħqrux.

18“Ma għandu jkun hemm ebda prostituta sagra mill-bniet ta’ Iżrael, anqas
prostitut sagru mis-subien ta’ Iżrael.

19Iġġibx il-ħlas ta’ mara żienja, u lanqas il-qligħ ta’ kelb, fid-dar tal-Mulej, Alla
tiegħek, għal ebda wegħda, għax it-tnejn jistkerrahhom il-Mulej, Alla tiegħek.

20“La teħux imgħax mingħand ħuk, la mgħax ta’ flus, la ta’ ikel, ta’ ebda ħaġa li
tinsilef bil-flus.

21Tista’ tieħu mgħax lill-barrani, imma lil ħuk teħodlux, biex ibierkek il-Mulej,
Alla tiegħek, f’kulma tmidd idejk għalih fl-art fejn sejjer biex teħodha f’idejk.

### Il-wegħdi

22“Meta tagħmel wegħda lill-Mulej, Alla tiegħek, tiddawwarx ma troddha; għax
il-Mulej, Alla tiegħek, ifittex għaliha, u jkollok ħtija.

23Imma jekk inti ma tagħmilx wegħdi, ma jkollokx ħtija.

24“Imma kulma jkun ħareġ minn xufftejk qis li tagħmlu, skont ma wegħedt minn
rajk lill-Mulej, Alla tiegħek, skont ma tkun għedt bi kliemek.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

25“Meta tidħol f’xi qasam dwieli ta’ għajrek, tista’ tiekol għeneb kemm tixtieq, u
sa ma tixba’; imma tixħet xejn ġol-ħorġa tiegħek.

26Meta tidħol fiż-żara’ ta’ għajrek tista’ taqta’ s-sbul b’idek, imma m’għandekx
tmidd il-minġel fiż-żara’ ta’ għajrek.

## Dewteronomju 24

### Id-divorzju

1“Jekk raġel jieħu mara u jiżżewwiġha, u mbagħad ma tkunx togħġbu għax ikun
sab fiha xi ħaġa mhix xierqa, jiktbilha l-kitba tad-divorzju, u jagħtihielha f’idha,
u jibgħatha ’l barra minn daru.

2Meta mbagħad toħroġ minn daru u ssir il-mara ta’ ħaddieħor

3u jumbraha wkoll it-tieni raġel, u jiktbilha l-kitba tad-divorzju, u jagħtihielha
f’idha, u jibgħatha ’l barra minn daru, jew inkella dan ir-raġel imut,

4ma jkunx jista’ l-ewwel raġel tagħha, li jkun bagħatha qabel, jerġa’ jeħodha
b’martu, wara li tkun tniġġset; għax din ħaġa moqżieża quddiem il-Mulej, u
m’għandekx iġġib il-ħtija fuq l-art li l-Mulej, Alla tiegħek, se jagħtik b’wirt.

5“Meta raġel jieħu mara ġdida, ma joħroġx għall-gwerra, u ma jitgħabba b’xejn,
iżda jibqa’ ġo daru għal sena sħiħa, u jferraħ lill-mara li jkun ħa.

6“M’għandek tieħu xejn b’rahan mill-mitħna, la ħaġra ta’ fuq u lanqas il-ħaġra ta’
taħt, għax tkun qiegħed tieħu b’rahan il-ħajja ta’ dak li jkun.

7“Jekk jinqabad xi ħadd li jkun seraq lil xi wieħed minn ħutu, minn ulied Iżrael,
u ijassru u jbigħu, dan il-ħalliel għandu jmut, u hekk tkun qridt il-ħażen minn ġo
nofsok.

8“Fil-mard tal-ġdiem qisu sewwa li tagħmlu kulma jgħallmukom il-qassisin
Leviti, bħalma jien diġà ordnajtilkom hekk tagħmlu.

9Ftakar x’għamel il-Mulej, Alla tiegħek, lil Mirjam fit-triq, meta ħriġtu mill-Eġittu.

10“Jekk tislef xi ħaġa lil għajrek, tidħolx ġewwa daru biex tieħu r-rahan tagħha,

11iżda ibqa’ barra, u r-raġel li tkun sliftu joħroġ u jġiblek ir-rahan barra.

12Jekk ikun xi bniedem fqir, la torqodx bir-rahan tiegħu;

13imma ma’ nżul ix-xemx qis li r-rahan troddulu lura, u hu jorqod bil-libsa tiegħu
u jbierkek; u int ikollok il-ħlas quddiem il-Mulej.

14“La żżommx il-ħlas tal-miskin u l-fqir, sew jekk ikun wieħed minn ħutek, sew
jekk ikun wieħed mill-barranin, li jkun jgħammar fi bliet artek.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

15Agħtih il-ħlas dak in-nhar stess, u tħallix ix-xemx tgħib minn fuqu, għax hu fqir
u dan ikun jistenna. U ma jgħajjatx kontra tiegħek quddiem il-Mulej, u jkollok
ħtija.

16"M'għandekx tagħti l-mewt lill-missirijiet minħabba wliedhom, jew lill-ulied
minħabba missirijiethom. Agħti l-mewt lil kulħadd għal dnubu.

17"La tgħawwiġx id-dritt tal-barrani jew tal-iltim; u lanqas tieħu b'rahan il-libsa
tal-armla.

18Ftakar li int kont ilsir fl-Eġittu, u minn hemmhekk fdiek il-Mulej, Alla tiegħek.
Għalhekk jien nordnalek li tagħmel dan.

19"Meta tkun taħsad il-ħsad fir-raba' tiegħek, u tinsa warajk xi qatta fl-għalqa,
terġax lura biex tiġborha, imma ħalliha għall-barrani u l-iltim u l-armla, biex
ibierkek il-Mulej, Alla tiegħek, f'kulma jagħmlu idejk.

20Meta tfarfar iż-żebbuġ tiegħek, la tlaqqatx li jibqa' fil-friegħi; ħallihom għall-
barrani, għall-iltim u għall-armla.

21Meta tiġbor l-għeneb mid-dwieli tiegħek, la tiġborx li jifdal warajk, imma
ħallihom għall-barrani, għall-iltim u għall-armla.

22Ftakar li int kont ilsir fl-Eġittu; għalhekk jien qiegħed nordnalek li tagħmel
dan.

## Dewteronomju 25

### Il-ħaqq u s-sewwa

1"Jekk ikun hemm xi tilwima bejn tnejn min-nies dawn għandhom jersqu
quddiem il-qorti u jagħmlu ħaqq minnhom, u jagħtu raġun lil min ikollu raġun,
u tort lil min ikollu tort.

2U jekk il-ħati jkun jistħoqqlu s-swat, l-imħallef imiddu fl-art u jsawtuh
quddiemu bl-għadd skont il-ħtija tiegħu.

3Jagħtuh erbgħin daqqa, u mhux aktar, li ma jmorrux isawtuh aktar minn hekk,
u ħuk jitlef ġieħu quddiemek.

4"Ma għandekx tagħmel is-sarima lill-gendus li jkun jidres.

### Iż-żwieġ tal-armla ma' ħatinha

5"Jekk aħwa jgħixu flimkien, u jmut wieħed minnhom, u ma jkollux tfal, il-mara
tal-mejjet m'għandhiex tiżżewweġ barra l-familja lil xi ħadd barrani; ħatinha
jersaq lejha, u jeħodha b'martu, u jaqdi dmiru ta' ħu żewġha li hu.

6U hekk jiġri li l-ewwel iben li tiled jieħu isem ħuh il-mejjet u hekk ma jitħassarx
ismu minn Iżrael.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

7“Jekk imbagħad ir-raġel ma jogħġbux jieħu ’l mart ħuh, din tmur għand ix-xjuħ
ħdejn il-bieb tal-belt u tgħidilhom: ‘Ħatni ma jridx iqajjem isem ħuh f’Iżrael, u
ma jridx jagħmel dmiru miegħi ta’ ħu żewġi li hu.’

8U x-xjuħ tal-belt tiegħu jsejħulu u jkellmuh; u jekk jibqa’ jgħid: ‘Ma jogħġobnix
neħodha,’

9il-kunjata tersaq lejh quddiem ix-xjuħ, taqlagħlu l-qorq minn riġlu, tobżoqlu
f’wiċċu, u tgħajjat, u tgħid: ‘Hekk jagħmlulu lir-raġel li ma jridx jibni dar ħuh.’

10U f’Iżrael jagħtuh il-laqam ta’ ‘Dar il-Moħħi’.

### Id-deċenza

11“Jekk jiġri li żewġt irġiel jissieltu bejniethom, wieħed mal-ieħor, u tersaq il-
mara ta’ wieħed minnhom biex teħles lil żewġha minn idejn l-ieħor li ħabat
għalih, u tmidd idha u taqbadlu għawaru,

12aqtgħalha idha barra u tħarisx lejha b’għajn ħanina.

### Kejl u wżin sewwa

13“M’għandux ikollok fil-ħorġa tiegħek użin u wżin, wieħed kbir u l-ieħor żgħir.

14“Ma għandux ikollok f’darek kejl u kejl, wieħed kbir u l-ieħor żgħir.

15Għandu jkollok użin sħiħ u sewwa, kejl sħiħ u sewwa, u hekk itul għomrok fuq
l-art li l-Mulej, Alla tiegħek, se jagħtik.

16Għax jistkerrah il-Mulej, Alla tiegħek, lil kull min jagħmel dawn il-ħwejjeġ, lil
kull min jagħmel il-qerq.

### Il-qerda ta’ Għamalek

17“Ftakar x’għamillek Għamalek int u ħiereġ mill-Eġittu;

18kif laqgħek fit-triq, u qatagħlek minn warajk lil dawk kollha li kienu jkarkru
warajk, u int kont għajjien u mifni, u hu ma beżax minn Alla.

19Mela meta l-Mulej, Alla tiegħek, iserrħek mill-għedewwa tiegħek ta’ madwarek
fl-art li l-Mulej, Alla tiegħek, se jagħtik b’wirt biex teħodha f’idejk, ħassar it-
tifkira ta’ Għamalek minn taħt is-smewwiet. Qis li ma tinsiex.

## Dewteronomju 26

### Il-bikri u l-għexur

1“Meta tidħol fl-art, li l-Mulej, Alla tiegħek, se jagħtik b’sehmek, u teħodha f’idejk,
u tgħammar fiha,


© 2020 Malta Bible Society.

2ħu l-bikri mill-frott kollu tar-raba' li int tiġbor mill-art li l-Mulej, Alla tiegħek, se
jagħtik, u tqiegħdu f'qoffa u tmur fil-post li l-Mulej, Alla tiegħek, jaħtar biex
jgħammar ismu fih.

3U tmur għand il-qassis li jkun hemm dak in-nhar, u tgħidlu: 'Jien nistqarr illum
lill-Mulej, Alla tiegħek, li jien dħalt fl-art li l-Mulej wiegħed b'ħalfa lil
missirijietna li jagħtiha lilna.'

4Il-qassis imbagħad jilqa' minn idejk il-qoffa, u jqegħedha quddiem l-artal tal-
Mulej, Alla tiegħek.

5Inti mbagħad tgħid hekk quddiem il-Mulej, Alla tiegħek: 'Missieri kien minn
Aram, jiġġerra minn post għal ieħor; imbagħad niżel l-Eġittu u għammar hemm.
Żgħir kien l-għadd ta' niesu, iżda hemmhekk sar poplu kbir, qawwi u kotran.

6L-Eġizzjani ħaqruna, għakksuna, għabbewna b'xogħol iebes;

7imma aħna għajjatna lill-Mulej, Alla ta' missirijietna, u l-Mulej sama' l-għajta
tagħna, ra t-tgħakkis u t-tbatija u d-dwejjaq tagħna,

8u ħariġna l-Mulej mill-Eġittu, b'id qawwija, bi driegħ merfugħ, b'biża' kbir,
b'sinjali u b'għeġubijiet,

9u daħħalna f'dan il-post, tana din l-art, art tnixxi ħalib u għasel.

10U issa, ara, jiena ġibt l-ewwel frott tal-art li tajtni int, Mulej.' U int tqiegħdu
quddiem il-Mulej, Alla tiegħek, u tadura lill-Mulej, Alla tiegħek.

11U tifraħ bil-ġid kollu li l-Mulej, Alla tiegħek, ikun ta lilek u lil darek, int u l-
Levita, u l-barrani li jkun jgħammar f'nofsok.

12"Meta tkun temmejt tiġbor l-għexur tal-uċuħ tiegħek fit-tielet sena, is-sena tal-
għexur, u tajthom lil-Levita, lill-barrani, lill-iltim, u lill-armla, u jkunu kiluhom u
xebgħu,

13int tmur tgħid quddiem il-Mulej, Alla tiegħek: 'Neħħejt il-ħwejjeġ sagri mid-
dar biex tajthom lil-Levita, lill-barrani, lill-iltim u lill-armla, skont l-ordni tiegħek
li tajtni; ma ksirt u ma nsejt ebda kmand milli tajtni.

14Ma kilt xejn minnhom meta kont bil-vistu, ma warrabt xejn waqt li kont
imniġġes, ma tajtx minnhom għall-mejjet; smajt mill-kelma tal-Mulej, Alla tiegħi,
u għamilt skont kulma ordnajtli.

15Ittawwal mis-sema, l-għamara mqaddsa tiegħek, u bierek il-poplu tiegħek
Iżrael u l-art li tajtna, kif int ħlift lil missirijietna, art tnixxi ħalib u għasel.'

16"Illum il-Mulej, Alla tiegħek, qiegħed jordnalek li tagħmel dawn il-liġijiet u
dawn il-preċetti, u qis li tagħmilhom b'qalbek kollha u b'ruħek kollha.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

17Int ġegħelt lill-Mulej jgħid li jkun Alla tiegħek, u li timxi fit-toroq tiegħu u li tħares il-liġijiet tiegħu u l-kmandamenti u l-preċetti tiegħu, u tisma' minn kliemu.

18U l-Mulej ġiegħlek tagħti l-kelma llum li tkun poplu maħtur tiegħu, kif kien qallek, u li tħares l-ordnijiet kollha tiegħu

19biex hu jgħollik fuq il-ġnus kollha li għamel, fl-isem u fil-ġieħ, u tkun ġens ikkonsagrat lill-Mulej, Alla tiegħek, kif kien wiegħdek."

## Dewteronomju 27

### It-tielet diskors: Il-proklamazzjoni tal-liġi

1Mosè u x-xjuħ ta' Iżrael ordnaw lill-poplu u qalulu: "Għandek tħares l-ordnijiet li jien se nordnalkom illum.

2Meta taqsmu x-xmara tal-Ġordan għall-art li se jagħtik il-Mulej, Alla tiegħek, inti twaqqaf ġebel kbir, u tkaħħlu bil-ġir,

3u tikteb fuqu l-kliem ta' din il-liġi malli tgħaddi u tidħol fl-art li l-Mulej, Alla tiegħek, se jagħtik, art tnixxi ħalib u għasel, skont ma wiegħdek il-Mulej, Alla ta' missirijietek.

4Malli taqsmu il-Ġordan dan il-ġebel twaqqfuh, kif jien qiegħed nordnalkom illum, fuq il-muntanja Għebal u tkaħħalhom bil-ġir.

5U hemm tibni artal lill-Mulej, Alla tiegħek, artal tal-ġebel, li ma jkunx mess miegħu l-ħadid,

6tibnih b'ġebel sħiħ, artal lill-Mulej, Alla tiegħek, u toffri fuqu sagrifiċċji tal-ħruq lill-Mulej, Alla tiegħek.

7U toqtol vittmi tas-sliem, u tiekol hemm, u tifraħ quddiem il-Mulej, Alla tiegħek.

8U tikteb u tonqox sewwa fuq il-ġebel il-kliem kollu ta' din il-liġi."

9U Mosè u l-qassisin Leviti kellmu lil Iżrael kollu u qalulhom: "Iskot u isma', Iżrael, illum int sirt poplu tal-Mulej, Alla tiegħek,

10u smajt leħen il-Mulej, Alla tiegħek, u int għamilt l-ordnijiet tiegħu u l-preċetti tiegħu, li jien ordnajtlek illum."

### Saħta lil min ma jismax

11U Mosè ordna lill-poplu llum, u qallu:

12"Dawn joqogħdu fuq il-muntanja Gariżim biex ibierku l-poplu meta intom tkunu qsamtu x-xmara tal-Ġordan: Simgħon u Levi, Ġuda u Issakar, Ġużeppi u Benjamin.


© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[13]U dawn joqogħdu fuq il-muntanja Għebal biex jisħtu: Ruben u Gad, Aser u Żebulun, Dan u Naftali.

[14]U l-Leviti jwieġbu u jgħidu lin-nies kollha ta' Iżrael b'leħen għoli:

[15]" 'Misħut il-bniedem li jagħmel xi xbieha minquxa jew imdewba, li l-Mulej jistkerrah, xogħol ta' bniedem tas-sengħa, u jqegħedha fil-moħbi'; u jwieġeb il-poplu kollu u jgħid: 'Ammen'.

[16]" 'Misħut il-bniedem li jżeblaħ lil missieru u lil ommu'; u jwieġeb il-poplu kollu: 'Ammen'.

[17]" 'Misħut il-bniedem li jċaqlaq il-plieri tar-raba' ta' għajru'; u l-poplu kollu jwieġeb: 'Ammen'.

[18]" 'Misħut il-bniedem li joħroġ l-agħma 'l barra mit-triq'; u l-poplu kollu jwieġeb: 'Ammen'.

[19]" 'Misħut il-bniedem li jgħawweġ il-ġustizzja tal-barrani, tal-iltim u tal-armla'; u jwieġeb il-poplu kollu: 'Ammen'.

[20]" 'Misħut il-bniedem li jimtedd mal-mara ta' missieru, għax ikun jikxef truf il-friex ta' missieru'; u jwieġeb il-poplu kollu: 'Ammen'.

[21]" 'Misħut il-bniedem li jimtedd ma' xi bhima, tkun xi tkun'; u jwieġeb il-poplu kollu: 'Ammen'.

[22]" 'Misħut il-bniedem li jimtedd ma' oħtu, bint missieru jew bint ommu'; u jwieġeb il-poplu kollu: 'Ammen'.

[23]" 'Misħut il-bniedem li jimtedd ma' omm martu'; u jwieġeb il-poplu kollu: 'Ammen'.

[24]" 'Misħut il-bniedem li jidrob lil għajru bil-moħbi'; u l-poplu kollu jwieġeb: 'Ammen'.

[25]" 'Misħut il-bniedem li jieħu l-ħlas biex jidrob għall-mewt lil min ikun bla ħtija'; u jwieġeb il-poplu kollu: 'Ammen'.

[26]" 'Misħut il-bniedem li ma jżommx il-kliem ta' din il-liġi u jagħmilhom'; u jwieġeb il-poplu kollu: 'Ammen'.

## Dewteronomju 28

### Barkiet u saħtiet

[1]"Jekk int tassew tisma' leħen il-Mulej, Alla tiegħek, biex tħares u tagħmel l-ordnijiet kollha tiegħu, li jien illum qiegħed nordnalek, jerfgħek il-Mulej, Alla tiegħek, fl-għoli 'l fuq mill-ġnus kollha tal-art.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

2U jiġu fuqek dawn il-barkiet kollha, għax tkun smajt il-leħen tal-Mulej, Alla tiegħek.

3"Imbierek tkun fil-belt u mbierek fir-raba'.

4"Imbierek ikun il-frott ta' ġufek, il-frott ta' artek, il-frott tal-bhejjem tiegħek; il-frieħ tal-baqar tiegħek, u l-frieħ tal-imrieħel tiegħek.

5"Imbierka l-qoffa tal-ħobż tiegħek, u l-imgħaġna tiegħek.

6"Imbierek tkun fi dħulek, u mbierek fi ħruġek.

7Iħarbat il-Mulej l-għedewwa li jqumu għalik; minn triq waħda joħorġu għalik, u minn seba' toroq jaħarbu minn quddiemek.

8"Il-Mulej jagħtik il-barka fl-imħażen tiegħek u f'kulma tmidd idek għalih; u jbierkek fl-art li l-Mulej, Alla tiegħek, se jagħtik.

9U l-Mulej jagħmel minnek poplu kkonsagrat għalih, skont ma ħaliflek, jekk int tħares l-ordnijiet tal-Mulej, Alla tiegħek, u timxi fi triqatu.

10U jaraw il-ġnus kollha tal-art li int iġġib isem il-Mulej, u jibżgħu minnek.

11Ifawrek il-Mulej bil-ġid, bil-frott ta' ġufek, bil-frott tal-bhejjem tiegħek u bil-frott tal-art tiegħek li l-Mulej ħalef lil missirijietek li jagħtik.

12"Jiftaħ il-Mulej is-sema, il-maħżen ta' ġidu, u jagħtik f'waqtha x-xita għal artek u jbierkek f'kulma tmidd idek għalih. Int tislef lil ħafna ġnus, u int ma tissellef mingħand ħadd.

13Iqiegħdek il-Mulej fir-ras u mhux fid-denb; u tkun dejjem minn fuq, u qatt minn taħt, jekk tisma' mill-ordnijiet tal-Mulej, Alla tiegħek, li jien illum qiegħed nordnalek; tħarishom u tagħmilhom,

14bla ma tilwi lejn il-lemin jew lejn ix-xellug minn dan kollu li qiegħed nordnalek illum, biex tmur wara allat oħra u taqdihom.

15"Jekk int ma tismax leħen il-Mulej, Alla tiegħek, u ma tħarisx u ma tagħmilx l-ordnijiet u l-liġijiet tiegħu li jiena llum qiegħed nordnalek, dawn is-saħtiet kollha jiġu fuqek u jilħquk:

16"Misħut tkun fil-belt, u misħut tkun fir-raba'.

17"Misħuta l-qoffa tal-ħobż tiegħek u l-imgħaġna tiegħek.

18"Misħut il-frott ta' ġufek u l-frott tar-raba' tiegħek, il-frieħ tal-baqar tiegħek u l-frieħ tal-imrieħel tiegħek.

19"Misħut tkun fi dħulek, u misħut fi ħruġek.


© 2020 Malta Bible Society.

[20]“Jibgħat il-Mulej is-saħta, it-taħwid, u tehdid, f’kulma tmidd idek għalih, sakemm tinqered u tintemm fi ftit żmien minħabba l-ħażen ta’ għemilek, meta inti tlaqtni.

[21]Il-Mulej iqabbdek il-pesta sakemm jifnik minn fuq l-art li int sejjer fiha biex tiritha.

[22]Jolqtok il-Mulej bil-mard irqiq, bid-deni, bir-raxx tal-ġilda, bil-ħruq; bin-nixfa, bir-riħ jaħraq, u s-sadid tas-siġar, li jibqgħu jiġru warajk sakemm jifnuk.

[23]Is-sema fuq rasek ikun bronż; u ħadid l-art taħtek.

[24]“Ix-xita ta’ artek jagħmilha l-Mulej ramel u trab; jinżlu mis-sema fuqek sa ma jeqirduk.

[25]“Iħarbtek il-Mulej quddiem l-għedewwa tiegħek, minn triq waħda toħroġ għalihom, u minn seba’ triqat taħrab minn quddiemhom, u jitkexkxu s-saltniet kollha tal-art minħabba fik.

[26]Ġismek mejjet ikun ikel għat-tjur kollha tal-ajru u l-bhejjem tal-art, mingħajr ma ħadd inaffarhom.

[27]“Jolqtok il-Mulej bl-infafet tal-Eġittu, bil-morliti, bil-ħakk, bix-xwiek f’ġismek, li ma tkunx tista’ tfiq minnhom.

[28]Jolqtok il-Mulej bil-ġenn, bl-għama u b’thewdin il-moħħ,

[29]li tmur u timxi tteftef f’nofsinhar bħalma jteftef fid-dlam wieħed agħma; ma jkollokx riżq fix-xogħol tiegħek, imma tkun magħkus u misruq ħajtek kollha, u ħadd ma jgħinek.

[30]“Titgħarras ma’ mara, u ħaddieħor jitgħaxxaq biha; tibni dar, u ma tgħammarx fiha; tħawwel id-dwieli, u ma teħux frott minnhom.

[31]Il-gendus tiegħek joqtluh quddiemek, u int ma tikolx minnu; il-ħmar tiegħek jisirquh minn quddiem għajnejk, u ma jerġax lura għandek; in-nagħaġ tiegħek jerħuhom f’idejn l-għedewwa tiegħek, u ma jkollokx min isalvak.

[32]“Is-subien tiegħek jagħtuhom lil poplu ieħor, u int tarahom b’għajnejk u tinfena għalihom il-jum kollu, imma ma tkun tista’ tagħmel xejn għalihom.

[33]Il-frott ta’ artek u tal-għaraq tiegħek jieklu poplu li ma tafux u int tkun biss mgħakkes u mqarraq ħajtek kollha,

[34]u jagħtik ġenn għal li jaraw għajnejk.

[35]“Jolqtok il-Mulej bl-infafet qalila f’irkupptejk u f’saqajk, minn qiegħ riġlejk sal-quċċata ta’ rasek, u ma tfiqx minnhom.

[36]“Jieħu l-Mulej lilek u lis-slaten li int tqiegħed fuqek, għand poplu li ma tafx bih, la int u anqas missirijietek, u hemm taqdi allat oħra tal-ġebel u tal-ħatab.


© 2020 Malta Bible Society.

37“Jitkexkxu l-ġnus kollha li f’nofshom jieħdok il-Mulej, tiġi f’ilsienhom u
jiddieħqu bik.

38“Toħroġ bl-abbundanza ż-żerriegħa għar-raba’ tiegħek, imma taħsad ftit, għax
jikluha l-ġradijiet.

39Tħawwel id-dwieli u taħdimhom, imma nbid ma tixrobx, u ma tiġbor xejn għax
jikolhom id-dud.

40“Ikollok iż-żebbuġ fil-medda ta’ artek, imma biż-żejt ma tindilikx, għax iż-
żebbuġ tiegħek tobżqu s-siġra.

41Tiled subien u bniet, iżda ma jkunux tiegħek, għax jittieħdu lsiera.

42“Is-siġar tiegħek u l-frott ta’ artek jeħodhomlok il-ġrad.

43Il-barrani li jkun f’nofsok jitla’ ’l fuq minnek, ’il fuq ’il fuq, bla ma jaqta’ xejn; u
int tinżel ’l isfel ’l isfel.

44Jisilfek hu, u int lilu ma tisilfux; hu jkun ir-ras, u int tkun id-denb.

45“Dawn is-saħtiet kollha jiġu fuqek, u jibqgħu jiġru warajk sa ma jilħquk u
jeqirduk, għax ma tkunx smajt mill-kelma tal-Mulej, Alla tiegħek, u ma ħaristx l-
ordnijiet u l-liġijiet li tak.

46U jkunu fik sinjali u għeġubijiet, fik u f’nislek għal dejjem.

47“Talli int ma tkunx qdejt lill-Mulej, Alla tiegħek, bil-ferħ u l-qalb it-tajba, għall-
ħafna ġid li tak,

48int isservi l-għedewwa tiegħek, li l-Mulej jibgħat kontrik, fil-ġuħ u fl-għatx, fl-
għera u fl-għaks, f’kollox. U jgħabbuk b’madmad tal-ħadid fuq għonqok sa ma
jeqirduk.

49“Iqajjem il-Mulej kontrik ġens mill-bogħod, minn truf l-art, bħalma ttir l-ajkla,
ġens li lsienu ma tifhmux.

50Ġens ta’ wiċċ kiefer, li ma jħarisx lejn ix-xjuħ, u anqas ma jħenn għat-tfal;

51jiekol il-frott tal-bhejjem tiegħek u ta’ artek sakemm jeqirdek; u anqas ma
jħallilek qmuħ, inbid jew żejt; anqas il-frieħ tal-bhejjem tiegħek u l-ħrief tal-
imrieħel tiegħek, sakemm itemmek.

52“Jagħlquk dawramejt fl-ibliet kollha tiegħek sa ma jiġġarrfu l-ħitan għolja u s-
swar li int tkun fihom ittamajt f’artek kollha; u jagħlquk fi bliet artek kollha, li l-
Mulej, Alla tiegħek, ikun tak.

53U int tiekol il-frott ta’ ġufek, laħam is-subien u l-bniet tiegħek, li l-Mulej, Alla
tiegħek, ikun tak, minħabba d-diqa u l-għeluq li jġibek fihom l-għadu meta
jassedjak.


© 2020 Malta Bible Society.

54Ir-raġel artab u mfissed fostok iħares b'għajn ħażina lejn ħuh u lejn mart ħdanu, u lejn il-bqija ta' wliedu li jkun baqagħlu;

55ma jkun irid jagħti lil ħadd minnhom minn laħam uliedu, jieklu hu għax xejn ma jibqagħlu minħabba d-diqa u l-għeluq li jġibek fihom l-għadu fl-ibliet kollha tiegħek.

56Il-mara ratba u mfissda fostok, li tibża' tmidd qiegħ riġilha fl-art minħabba rtubitha u fsiedha, tħares b'għajn ħażina lejn żewġ ħdanha, lejn binha, u lejn bintha,

57lejn il-bxima tagħha li toħroġ minn bejn riġlejha, lejn kull tifel jew tifla li tista' tiled, għax tikolhom bil-moħbi minħabba d-diqa u l-għeluq li jġibek fihom l-għadu tiegħek fi blietek.

58"Jekk int ma tqisx li tħares dan il-kliem ta' din il-liġi miktuba f'dan il-ktieb, li tibża' minn dan l-isem imsebbaħ u tal-biża', il-Mulej, Alla tiegħek,

59tal-għaġeb ikun is-swat, għalik u għal nislek, li l-Mulej jagħtik, swat kbir ma jaqta' xejn, mard twil u kiefer.

60U jġib fuqek il-mardiet kollha tal-Eġittu, li int kont titkexkex minnhom, u jaqbdu miegħek;

61u l-mard u s-swat kollu li mhumiex miktuba fil-ktieb ta' din il-liġi, iġibhom il-Mulej fuqek sakemm tinqered;

62u tibqgħu ftit nies, minflok il-ħafna nies li kontu bħall-kwiekeb tas-sema, għax ma tkunux smajtu l-kelma tal-Mulej, Alla tagħkom.

63Bħalma l-Mulej jifraħ jagħmlilkom il-ġid u jkattarkom, hekk għad jifraħ iħarbatkom u jeqridkom, u jaħsadkom minn fuq l-art li int sejjer fiha biex teħodha f'idejk.

64U l-Mulej ixerrdek fost il-ġnus, minn tarf tal-art għall-ieħor, u hemm isservi allat oħra, li la int u lanqas missirijietek ma tafu bihom, allat tal-ġebel u tal-ħatab.

65Imma anqas qalb dawk il-ġnus ma jkollok mistrieħ, u ma jkollokx fejn isserraħ qiegħ riġlejk; iżda hemmhekk il-Mulej iregħedlek qalbek, imewwitlek għajnejk u jreqqlek ruħek.

66Ħajtek tkun imdendla b'ħajta, imbeżżgħa lejl u nhar, bla tama f'ħajtek.

67Filgħodu tgħid: 'Li kien jidlam!' u filgħaxija tgħid: 'Li kien jisbaħ!' minħabba l-biża' li jkollok f'qalbek, u għal li jaraw għajnejk.

68Il-Mulej ireġġagħkom lura fuq l-iġfna lejn l-Eġittu, minn dik l-istess triq li jien kont għedtlek: 'Ma taraha qatt aktar', u hemm, irġiel u nisa, toffru ruħkom għall-bejgħ b'ilsiera lill-għedewwa tagħkom, bla ma ħadd jixtrikom."

**Tiġdid tal-patt**


© 2020 Malta Bible Society.

69Dan hu d-diskors dwar il-patt li l-Mulej ordna lil Mosè li jagħmel ma' wlied Iżrael fl-art ta' Mowab, barra l-patt li diġà kien għamel magħhom f'Ħoreb.

## Dewteronomju 29

1U Mosè sejjaħ lil Iżrael kollu u qalilhom: "Intom rajtu kulma għamel il-Mulej quddiem għajnejkom fl-art tal-Eġittu lill-Fargħun, lill-qaddejja kollha tiegħu u lil artu kollha;

2it-tiġrib kbir li raw għajnejk, dawk is-sinjali kbar u għeġubijiet.

3Imma sal-lum il-Mulej ma takomx moħħ biex jifhem, għajnejn biex jaraw, u widnejn biex jisimgħu.

4Mexxejtkom għal erbgħin sena fid-deżert, l-imnatar tagħkom ma nkeddux minn fuqkom, il-qorq tiegħek ma ttikilx f'riġlejk.

5Ħobż ma kiltux, u nbid u xorb ma xrobtux, biex tagħrfu li jien il-Mulej, Alla tagħkom.

6U wasaltu f'dan il-post, u ħarġu għalina għall-ġlied Siħon, is-sultan ta' Ħesbon, u Għog, is-sultan ta' Basan, imma aħna kissirniehom;

7ħadnielhom arthom u tajnieha b'wirt lir-Rubenin, lill-Gadin u lil nofs it-tribù ta' Manassi.

8Mela intom għandkom tħarsu l-kelma ta' dan il-patt u tagħmluha biex f'kulma tagħmlu jkollkom ir-risq.

9"Intom illum, ilkoll kemm intom, qegħdin weqfin quddiem il-Mulej, Alla tagħkom; il-kapijiet tagħkom, l-imħallfin tagħkom, ix-xjuħ tagħkom u l-uffiċjali tagħkom, l-irġiel kollha ta' Iżrael,

10it-tfal tagħkom, in-nisa tagħkom, u l-barrani li qiegħed fil-kamp tiegħek, minn dak li jaqtagħlek il-ħatab sa dak li jġorrlok l-ilma,

11biex tidħol fil-patt tal-Mulej, Alla tiegħek, u l-ħalfa tiegħu, li l-Mulej, Alla tiegħek, qiegħed jagħmel miegħek illum.

12Biex hu llum jagħmlek il-poplu tiegħu, u hu jkun Alla tiegħek, bħalma wiegħdek u bħalma ħalef lil missirijietek, lil Abraham, lil Iżakk u lil Ġakobb.

13"U mhux magħkom weħidkom se nagħmel dan il-patt u l-ħalfa,

14imma ma' min qiegħed magħna llum quddiem il-Mulej, Alla tagħna, u ma' min mhux hawn magħna llum.

15Għax intom tafu kif konna ngħammru fl-art tal-Eġittu u kif għaddejna minn nofs il-ġnus, li għaddejtu minnhom,


© 2020 Malta Bible Society.

16u rajtu x-xbihat moqżieża u koroh ta' allathom, u injam u ġebel, fidda u deheb,
li għandhom.

17"Qisu li ma jkunx hemm raġel jew mara, tribù jew familja, li twarrab illum
qalbha mill-Mulej, Alla tagħna, biex tmur isservi l-allat ta' dawk il-ġnus; li ma
jkunx hemm għerq jarmi s-semm u l-absint;

18li ħadd ma jisma' l-kliem ta' din il-ħalfa u jifraħ f'qalbu u jgħid: 'Ikolli r-riżq,
imqar jekk nimxi skont l-ebusija ta' qalbi,' li ma jmurx jitkaxkar l-imsoqqi u l-
għatxan.

19"Il-Mulej ma jkunx irid jaħfirlu, imma jixgħel bil-korla u bl-għira l-Mulej għal
dak ir-raġel, u jinżlu fuqu s-saħtiet kollha li hawn miktuba f'dan il-ktieb, u l-Mulej
iħassar ismu minn taħt is-smewwiet.

20U jaqtgħu l-Mulej mit-tribujiet kollha ta' Iżrael bi ħsara għalih, skont is-saħtiet
ta' dan il-patt miktuba fil-ktieb ta' din il-liġi.

21"Il-ġenerazzjoni ta' wara, uliedek li għad iqumu warajk, u l-barrani li għad jiġi
minn art imbiegħda u għad jara l-ħsarat ta' din l-art u l-mard li jkun bih
marradha l-Mulej -

22kubrit, melħ u ħriq l-art kollha li ma tistax tinżera' jew tnibbet, u ebda ħaxix
ma jikber fiha - meta dawn jaraw dan it-tiġrif bħal dak ta' Sodoma u Gomorra,
Adma u Sebojim, imġarrfa mill-Mulej fil-qilla tal-korla tiegħu,

23għad jgħidu l-ġnus kollha tal-art: 'Għala għamel hekk il-Mulej lil din l-art?
X'inhi din is-saħna ta' din il-korla kbira?'

24U jweġbuhom: 'Għaliex telqu l-patt tal-Mulej, Alla ta' missirijiethom, li għamel
magħhom meta ħariġhom mill-Eġittu;

25u marru u servew lil allat oħra u nxteħtu quddiemhom, allat li ma jafuhomx, u
li ma għamilx għalihom il-Mulej.

26Għalhekk xegħlet il-korla tal-Mulej għal din l-art u ġiebet fuqha s-saħtiet kollha
miktuba f'dan il-ktieb;

27għalhekk il-Mulej qalagħhom minn arthom b'korla, b'qilla u b'herra kbira, u
xeħithom f'art oħra, bħalma huma llum.'

28"Il-ħwejjeġ mistura huma tal-Mulej, Alla tagħna, iżda l-ħwejjeġ mikxufa huma
għalina u għal uliedna għal dejjem, biex nagħmlu kulma tgħidilna din il-liġi.

## Dewteronomju 30

### Il-ħniena ta' Alla


© 2020 Malta Bible Society.

1“Meta jkunu ġew fuqek dawn il-ħwejjeġ kollha, dawn il-barkiet u s-saħtiet, li qegħedtlek quddiemek, u int tkun dħalt fik innifsek fost il-ġnus, fejn ikun itturufnak il-Mulej, Alla tiegħek,

2u terġa' lura għal għand il-Mulej, Alla tiegħek, u tisma' minn kliemu f'kulma qiegħed nordnalek illum, int u wliedek, b'qalbek kollha u b'ruħek kollha,

3imbagħad il-Mulej, Alla tiegħek, iħenn għalik u jbiddillek xortik; u jerġa' jiġbrok minn fost il-ġnus kollha, li jkun xerrdek f'nofshom il-Mulej, Alla tiegħek.

4Imqar jekk l-itturufnati tiegħek ikunu fi truf is-smewwiet, minn hemm jiġbrok il-Mulej, Alla tiegħek, u minn hemm jieħdok.

5U jġibek il-Mulej, Alla tiegħek, fl-art li wirtu missirijietek, u int teħodha, jagħmillek il-ġid u jkattrek aktar minn missirijietek.

6Il-Mulej, Alla tiegħek, jaħtinlek qalbek u qalb nislek, biex tħobb il-Mulej, Alla tiegħek, b'qalbek u b'ruħek kollha biex tgħix.

7U l-Mulej, Alla tiegħek, jitfa' dawn is-saħtiet kollha fuq l-għedewwa tiegħek u dawk li jobogħduk u jkunu għamlu għalik.

8“U int terġa' tisma' l-kelma tal-Mulej, u tagħmel l-ordnijiet tiegħu li jien qiegħed nordnalek illum.

9U l-Mulej, Alla tiegħek, ifawrek bil-ġid f'kulma jagħmlu idejk, fil-frott ta' ġufek, fil-frott tal-bhejjem tiegħek, fil-frott ta' artek; għax jerġa' l-Mulej jifraħ bik u jagħmel il-ġid miegħek, bħalma kien jifraħ b'missirijietek,

10jekk int tisma' l-kelma tal-Mulej, Alla tiegħek, u tħares l-ordnijiet tiegħu u l-liġijiet miktuba fil-ktieb ta' din il-liġi; jekk terġa' lejn il-Mulej, Alla tiegħek, b'qalbek kollha u b'ruħek kollha.

11“Din il-liġi li qiegħed nagħtik illum, mhijiex tqila għalik u anqas 'il bogħod minnek.

12Mhijiex fis-sema biex int tgħid: ‘Min se jitlgħalna s-sema jġibhielna u jsemmagħhielna u nagħmluha?’

13U anqas ma hi 'l hemm mill-baħar biex int tgħid, ‘Min se jmur 'l hemm mill-ibħra u jġibhielna, u jsemmagħhielna, u nagħmluha?’

14Imma din il-ħaġa hi qribek sewwa f'fommok u f'moħħok, biex tagħmilha.

15“Ara jiena llum qegħedtlek quddiemek il-ħajja u l-ġid, il-mewt u d-deni.

16Issa jekk tisma' mil-liġi tal-Mulej, Alla tiegħek, li qiegħed nordnalek illum: li tħobb lill-Mulej, Alla tiegħek, li timxi fit-triqat tiegħu, u li tħares l-ordnijiet u l-liġijiet u d-digrieti tiegħu, int tgħix u titkattar, u l-Mulej, Alla tiegħek, ibierkek fl-art li int sejjer fiha biex teħodha f'idejk.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

17Imma jekk qalbek iddur u ma tismax, tintgħewa u tqim allat oħra u taqdihom,

18jien ngħidilkom illum li tinqerdu żgur; ma ddumux żmien twil fuq l-art, li int
se taqsam il-Ġordan biex tidħol fiha u teħodha f'idejk.

19Insejjaħ illum is-sema u l-art b'xhieda kontrikom: il-ħajja u l-mewt, li jien illum
qegħedt quddiemek, il-barka u s-saħta. Agħżel il-ħajja biex tgħix int u nislek,

20billi tħobb lill-Mulej, Alla tiegħek, u tisma' l-kelma tiegħu, u torbot qalbek
miegħu, għax din hi ħajtek u t-tul ta' jiemek li tgħammar fl-art li Alla ħalef li
jagħtiha lil missirijietek, lil Abraham, lil Iżakk u lil Ġakobb."

## Dewteronomju 31

### Il-ħatra ta' Ġożwè

1U Mosè temm jgħid dan il-kliem lil Iżrael kollu,

2u mbagħad qalilhom: "Illum jien għandi mija u għoxrin sena, u ma niflaħx nibqa'
dieħel u ħiereġ, u l-Mulej qalli: 'Int ma taqsamx dan il-Ġordan.'

3Il-Mulej, Alla tiegħek, se jaqsam il-Ġordan quddiemek, jeqred dawk il-ġnus
minn quddiemek u int tirithom; Ġożwè se jgħaddi quddiemek kif qallek il-Mulej,

4u l-Mulej jagħmlilhom bħalma għamel lil Siħon, u lil Għog, slaten tal-Amurrin, u
lil arthom, u qeridhom.

5U l-Mulej jerħihom f'idejkom u tagħmlulhom skont l-ordni li jien tajtkom.

6Agħmlu l-ħila u qawwu qalbkom; tibżgħux u titregħdux quddiemhom; għax hu,
il-Mulej, Alla tiegħek, se jimxi miegħek; mhux se jħallik, u anqas jitilqek."

7U Mosè sejjaħ lil Ġożwè u qallu quddiem Iżrael kollu: "Agħmel il-ħila u qawwi
qalbek, għax int iddaħħal lil dan il-poplu fl-art li l-Mulej ħalef lil missirijiethom
li jagħtihielhom, u int tqassamhielhom.

8Il-Mulej jimxi quddiemek, hu jkun miegħek; ma jħallikx u anqas jitilqek; la
tibżax u la taqtax qalbek."

### Il-qari tal-liġi

9U Mosè kiteb din il-liġi u taha lill-qassisin ulied Levi, li kienu jġorru l-arka tal-
patt tal-Mulej, u lix-xjuħ kollha ta' Iżrael.

10U Mosè ordnalhom u qalilhom: "Fi tmiem kull seba' snin, fis-sena tal-maħfra,
fil-festa tal-Għerejjex,

11meta Iżrael kollu jiġi biex jara wiċċ il-Mulej, Alla tiegħek, fil-post li jkun għażel,
taqra din il-liġi quddiem Iżrael kollu, b'mod li jisimgħuk.


© 2020 Malta Bible Society.

12“Iġbor il-poplu, l-irġiel u n-nisa, it-tfal u l-barranin, li jkunu fl-ibliet tiegħek, biex jisimgħu u jitgħallmu, u jibżgħu mill-Mulej, Alla tagħkom, u jqisu li jagħmlu l-kliem kollu ta’ din il-liġi.

13U wliedhom li ma jafux, jisimgħu u jitgħallmu jibżgħu mill-Mulej, Alla tagħkom, il-jiem kollha li intom tgħixu fuq l-art li se taqsmu l-Ġordan biex teħduha f’idejkom.”

### Id-dnubiet ta’ Iżrael

14U l-Mulej qal lil Mosè: “Ara, qorob żmien mewtek! Sejjaħ lil Ġożwè u ppreżentaw ruħkom fit-tinda tal-laqgħa biex nagħtih il-kmand.” U Mosè u Ġożwè marru u ppreżentaw ruħhom fit-tinda tal-laqgħa.

15U l-Mulej deher fit-tinda f’kolonna ta’ sħab u l-kolonna tas-sħab waqfet fuq il-bieb tat-tinda.

16U l-Mulej qal lil Mosè: “Ara, int se tistrieħ ma’ missirijietek, u dan il-poplu għad iqum u jiżni mal-allat tal-barranin ta’ din l-art, li hu sejjer fiha u li jkunu f’nofsu. U jitlaqni u jikser il-patt tiegħi li jien għamilt miegħu.

17U dakinhar tixgħel il-korla tiegħi għalih, nitlaqhom u naħbi wiċċi minnhom, u hu jsir priża għall-ikel u jilħquh ħafna ħsarat u dwejjaq. Imbagħad dakinhar il-poplu jgħid: ‘Jaqaw mhux għax ma għadux Alla tiegħi f’nofsi laħquni dawn il-ħsarat kollha?’

18Imma jien naħbi wiċċi għalkollox dakinhar minħabba l-ħażen li jkun għamel meta dawwar wiċċu lejn allat oħra.

19Mela issa ikteb din l-għanja u għallimha lil ulied Iżrael; qegħedha f’fommhom biex din l-għanja tkun xhud għalija fost ulied Iżrael.

20Meta nkun wassaltu fl-art li jien ħlift lil missirijietu, art tnixxi ħalib u għasel, hu jiekol, jixba’ u jismen, u jdur lejn allat oħra, u jservuhom u lili jkasbruni u jiksru l-patt tiegħi.

21Għalhekk meta jkunu laħquh ħafna ħsarat u dwejjaq twieġbu b’din il-għanja f’wiċċu b’xhieda; għax ma tintesiex minn fomm nislu. Għax jien sa minn qabel ma ndaħħlu fl-art li ħliftlu, diġà naf x’għandu f’qalbu u x’għad jagħmel.”

22U Mosè dakinhar kiteb din l-għanja u għallimha lil ulied Iżrael.

23Imbagħad il-Mulej ordna lil Ġożwè bin Nun u qallu: “Agħmel il-ħila u qawwi qalbek, għax int għandek iddaħħal lil ulied Iżrael fl-art li jien ħliftilhom; jien inkun miegħek.”

24U ġara li malli Mosè temm jikteb fi ktieb sal-aħħar il-kliem ta’ din il-liġi,

25ordna lil-Leviti, li jġorru l-arka tal-patt tal-Mulej, u qalilhom:


© 2020 Malta Bible Society.

26“Ħudu dan il-ktieb ta’ din il-liġi u qegħduh maġenb l-arka: tal-patt tal-Mulej, Alla tagħkom, u jkun hemm b’xhieda għalik.

27Għax jien naf kemm int stinat u rasek iebsa. Jekk meta għadni ħaj fostkom irvillajtu llum kontra l-Mulej, kemm aktar wara mewti?

28“Iġbruli madwari x-xjuħ kollha tat-tribujiet kollha tagħkom, u l-uffiċjali tagħkom, u ngħidilhom b’mod li jisimgħu dan il-kliem, u jkunu xhud tagħhom is-smewwiet u l-art.

29Għax jien naf li wara mewti titħassru għalkollox u toħorġu mit-triq li ordnajtilkom; u jilħaqkom id-deni fiż-żmien li ġej, għax tagħmlu l-ħażen f’għajnejn il-Mulej u tinkuh b’kulma jagħmlu idejkom.”

30U Mosè tenna, b’mod li tisimgħu l-ġemgħa kollha ta’ Iżrael, il-kliem ta’ din l-għanja sal-aħħar:

## Dewteronomju 32

### L-għanja ta’ Mosè

1“Agħtu widen, smewwiet, ħa nitkellem, u tisma’ l-art kliem fommi.

2Ħa jinżel bħax-xita tagħlimi, ħa joqtor bħan-nida kliemi, bħal irxiex fuq raba’ jħaddar, bħal bexxa xita fuq il-ħxejjex.

3Irrid inxandar isem il-Mulej; faħħruh intom lil Alla tagħna.

4Għax hu l-Blata tagħna; perfett għemilu; u lkoll ġusti t-triqat tiegħu. Alla ta’ kelmtu u ma jqarraqx; kollu ħaqq u kollu sewwa.

5Imxew ħażin miegħu; mhumiex uliedu, għajb għalihom; nisel ta’ inkwiet u għawġ.

6B’hekk tħallsu lill-Mulej, poplu iblah u bla għaqal? Mhux hu missierek, li għamlek tiegħu? Mhux hu li sawrek u qawwiek?

7Ftakar fil-jiem ta’ dari; qis is-snin, kull żmien li gerbeb! Staqsi ’l missierek u jurik, lix-xjuħ tiegħek u jgħidulek.

8Meta Alla l-Għoli ’l ġnus qassmilhom sehemhom, u l-bnedmin minn xulxin fired, ħażżeż truf il-ġnus, skont l-għadd ta’ wlied Alla.

9Imma sehem il-Mulej baqa’ l-poplu tiegħu, Ġakobb sehem il-wirt tiegħu.

10F’art imwarrba mar isibu, f’deżert waħxi u bla nies. Dar miegħu u ħa ħsiebu: ħarsu bħall-mimmi ta’ għajnejh.

11Bħalma l-ajkla l-bejta ttajjar, u tittajjar fuq uliedha, tiftaħ ġwenħajha u ttellagħhom, u ġġorrhom fuq ġwenħajha,


© 2020 Malta Bible Society.

12hekk il-Mulej mexxiehom waħdu, u ebda alla ieħor ma kien miegħu.

13Tellgħu fuq l-għoljiet tal-art, u temgħu uċuħ ir-raba'. Tah jerda' l-għasel mill-irdum, u ż-żejt mill-blat taż-żnied.

14Tah baqta tal-baqar u ħalib tan-nagħaġ, u l-laħam imsemmen tal-ħrief u tal-muntun imwielda f'Basan, u tal-mogħoż; mill-ifjen dqiq tal-qamħ; u demm il-għeneb int xrobt iriegħi.

15U simen Ġesurun u ta biż-żewġ; smint, u mtlejt, u ħxint; u telaq lil Alla, il-ħallieq tiegħu, u żeblaħ il-Blata tas-salvazzjoni tiegħu.

16B'allat oħra kebbsu lil Alla bl-għira; regħxuh bl-għemejjel ħżiena tagħhom.

17Issagrifikaw lill-erwieħ li mhumiex allat, lil allat li bihom ma kinux jafu, lil allat ġodda li ġew dan l-aħħar, li missirijiethom qatt ma kienu jqimu.

18Int insejt il-Blata li wilditek, insejt 'l Alla li nisslek.

19Il-Mulej ra dan, u fil-korla tiegħu stmerr 'l uliedu, subien u bniet.

20U qal: 'Naħbi wiċċi minnhom, u nara xi jsir minnhom. Għax nisel ħażin huma, ulied li kelma ma jżommuhiex.

21Kebbsuli l-għira b'dak li mhux alla, regħxuni b'allathom fiergħa; u jiena nkebbsilhom l-għira b'dak li poplu mhux, inregħexhom b'nies bla moħħ.

22Għax nar iħeġġeġ il-qilla tiegħi, nar li jaqbad sa qiegħ l-art; nar jeqred l-art b'tagħmirha, u l-muntanji jaħraq mis-sisien.

23Ħsara fuq ħsara niġma' fuqhom, u fuqhom naħli l-vleġeġ tiegħi.

24Bil-ġuħ jinfnew, deni jaħtafhom u l-mard jittieħed. Snien il-bhejjem nibagħtilhom, b'semm is-sriep li jieklu t-trab.

25Barra l-mewt bix-xabla, u ġewwa d-dar bil-biża', kemm għaż-żagħżugħ u x-xebba, kemm għat-trabi u x-xjuħ xehbiena.

26Jien kont ngħid: kieku rrid neqridhom, tifkirthom inħassar minn qalb in-nies,

27li kieku ma bżajtx miż-żebliħ tal-għadu, li ma jaħsbux dawk li għakksuh u jgħajtu: Bis-saħħa ta' idejna rbaħna, mhux il-Mulej li għamel dan.

28Ġens bla ħsieb, u nies bla fehma.

29Li kienu għaqlin kienu jifhmu dan; u kienu jitħassbu fuq it-tmiem tagħhom.

30Kif jista' jkun li wieħed jiġri wara elf, u tnejn iħarrbu għaxart elef, jekk mhux għax il-Blata tagħhom begħithom, u l-Mulej telaqhom?

31Għax il-Blata tagħna mhix bħall-blata tagħhom, u dan l-għedewwa tagħna stess jgħiduh.


© 2020 Malta Bible Society.

32Għax id-dielja tagħhom mid-dielja ta' Sodoma ħierġa u mill-oqsma ta'
Gomorra. L-għeneb tagħhom għeneb is-semm, u morri l-għenieqed tagħhom.

33L-inbid tagħhom semm is-sriep, velenu qawwi tas-serpent.

34Mhux dan forsi maħżun għandi, imsakkar fil-moħbiet tiegħi?

35Għalija l-ħlas u l-vendetta, għal meta jogħtru riġlejhom. Għax qrib hu jum il-
qerda tagħhom, fis jasal li hemm lest għalihom.

36Għax il-Mulej jagħmel ħaqq lill-poplu tiegħu, u l-qaddejja tiegħu jħenn
għalihom, meta jara li marret saħħtu, u la baqa' lsir u lanqas ħieles.

37U jgħid: 'Fejn huma l-allat tagħhom, il-blata li fiha ttamaw?

38Li kienu jieklu x-xaħam tal-vittmi tagħhom u jixorbu l-inbid tat-tiswib
tagħhom?' Ħalli jqumu huma u jgħinukom u jkunu kenn għalikom!

39Araw issa li jien, jien hu, u m'hemm ebda alla ħdejja. Jien immewwet u jiena
naħji. Jiena nidrob, u jiena nfejjaq. U ħadd ma hemm li jeħles minn idejja.

40Għax nerfa' idi lejn is-sema, u naħlef: 'Daqs kemm jien ħaj għal dejjem

41malli nsinn ix-xabla tilma tiegħi, u tlesti ruħha idi għall-ħaqq, vendetta
nagħmel mill-għedewwa tiegħi, u nitħallas minn dawk li jobogħduni.

42Il-vleġeġ tiegħi bid-demm insakkar, bil-laħam inxabba' x-xabla tiegħi, bid-
demm tal-maqtula u l-priġunieri, bl-irjus b'xagħar twil ta' kbarat il-għadu.'

43Ifirħu u għajtu bil-ferħ, ja ġnus, lill-poplu tiegħu, għax jitħallas ta' demm il-
qaddejja tiegħu, u jħallas lill-għedewwa tiegħu u jnaddaf artu u l-poplu tiegħu."

44Ġie Mosè, hu u Ġożwè bin Nun, u lissen il-kliem kollu ta' din l-għanja hekk li
seta' jisimgħu l-poplu.

45Malli Mosè temm dan il-kliem kollu quddiem Iżrael kollu,

46qalilhom: "Żommu f'qalbkom dan il-kliem kollu li jien illum qegħedt
quddiemkom, biex twissu lil uliedkom li jqisu li jħarsu l-kliem kollu ta' din il-liġi.

47Għax mhijiex xi ħaġa fiergħa għalikom, imma ħajjitkom, u biha intom tgħaddu
żmien twil fl-art li intom se taqsmu l-Ġordan biex teħduha f'idejkom."

### L-aħħar jum ta' Mosè

48U l-Mulej kellem lil Mosè dak in-nhar stess u qallu:

49"Itla' fuq din il-muntanja Għabarim - il-muntanja ta' Nebu, fl-art ta' Mowab, li
tiġi biswit Ġeriko - u ħares lejn art Kangħan li jien se nagħti b'wirt lil ulied Iżrael.

50U mut fuq il-muntanja fejn int tiela', u ngħabar ma' niesek bħalma miet Aron,
ħuk, fuq il-muntanja Hor, u ngħabar ma' niesu,

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

51talli nqastuni f'nofs ulied Iżrael ħdejn l-ilma ta' Meriba ta' Kades, fid-deżert ta' Sin, meta intom ma ħaristulix qdusiti f'nofs ulied Iżrael.

52Tara quddiemek l-art, imma hemmhekk ma tidħolx, fl-art li jien se nagħti lil ulied Iżrael."

## Dewteronomju 33

### Il-barka ta' Mosè

1Din hi l-barka li biha bierek Mosè, il-bniedem ta' Alla, lil ulied Iżrael, qabel ma miet.

2U qalilhom: "Ġie mis-Sinaj il-Mulej, u dehrilna minn Xegħir; idda mill-għolja ta' Faran, ġie minn Meribat-kades, u fuq lemintu ħuġġieġa nar.

3Tassew iħobb il-poplu tiegħu, il-qaddisin kollha tiegħu f'idejk, u huma f'riġlejk joqogħdu, kull wieħed jiġbor kliemek,

4il-liġi li Mosè tana. Wirtu l-ġemgħa ta' Ġakobb,

5u hu s-sultan f'Ġesurun, meta ltaqgħu l-prinċpijiet tal-poplu flimkien mat-tribujiet ta' Iżrael.

6Jgħix Ruben u ma jmutx, imma jkun żgħir fil-għadd.

7U dan qal għal Ġuda: Isma', Mulej, leħen Ġuda, u wasslu għal ma' niesu, għalih innifsu b'idejh jiġġieled; int l-għajnuna kontra l-għedewwa tiegħu.

8U għal Levi qal: It-Tummim u l-Urim tiegħek, agħti lill-bniedem ta' mħabbtek, li f'Massa int ġarrabt, u tlewwimt miegħu ħdejn l-ilma ta' Meriba.

9Li qal għal missieru u ommu; 'Ma rajthomx'; u 'l ħutu m'għarafhomx; u 'l uliedu ma qishomx. Għax huma ħarsu kliemek, u żammew il-patt tiegħek.

10Jgħallmu l-preċetti tiegħek lil Ġakobb, u l-liġi tiegħek lil Iżrael. Joffru inċens lil imnifsejk, u s-sagrifiċċju tal-ħruq fuq l-artal tiegħek.

11Bierek, Mulej, lil Levi, u ilqa' xogħol idejh. Kisser ġenbejn l-għedewwa tiegħu, ta' dawk li jobogħduh, biex ma jqumux.

12Għal Benjamin qal: Il-maħbub tal-Mulej jgħammar b'moħħu mistrieħ: Alla l-għoli dejjem jostru, u taħt ġwenħajh hu jgħammar.

13U għal Ġużeppi qal: Il-barka tal-Mulej fuq artu, bil-ġid mill-għoli tas-smewwiet, u minn qiegħ l-art mifrux minn taħt,

14bil-ġid tal-frott tax-xemx,

15u bl-aħjar ġid imnibbet bl-oqsma, u bl-aħjar ġid mill-iġbla tal-qedem, u bil-frott tal-għoljiet ta' dejjem,


© 2020 Malta Bible Society.

16bil-ġid tal-art u kulma fiha, u bl-għaxqa ta' min jgħammar fl-għollieq. Halli
jinżlu l-barkiet fuq ras Ġużeppi, fuq il-qurriegħa tal-magħżul fost ħutu.

17Il-glorja tiegħu bħal ta' gendus tal-bikri, qrunu l-qrun ta' gendus selvaġġ;
bihom il-popli jidrob, u jgerrixhom sa truf l-art. Hekk huma l-eluf ta' eluf ta'
Efrajm, hekk huma l-eluf ta' Manassi.

18U għal Żebulun qal: Ifraħ Żebulun fi ħruġek, u int Issakar fl-għerejjex tiegħek.

19Il-popli għal fuq il-muntanja jsejħu, u hemm joffru sewwa s-sagrifiċċji; u minn
tifwir il-baħar jerdgħu, u mill-għana moħbi fir-ramel.

20U għal Gad qal: Imbierek min ikabbar lil Gad! Bħal iljun jimtedd, u jqarmeċ id-
driegħ u r-ras.

21Xeħet għajnejh fuq l-aħjar tal-art; Sehem ta' prinċep kien hemm għalih; iżda
ħareġ l-ewwel mal-kbarat tal-poplu; u għamel il-ġustizzja tal-Mulej, u l-ħaqq
tiegħu ma' Iżrael."

22U għal Dan qal: Dan ferħ ta' ljun, jaqbeż jiġri minn Basan.

23U għal Naftali qal: Naftali mfawwar bil-favuri; mimli bil-barka tal-Mulej;
wirtek il-baħar u n-Nofsinhar.

24U għal Aser qal: Aser, l-aktar imbierek fost l-ulied, ikun il-maħbub fost ħutu, u
jaħsel riġlejh fiż-żejt.

25Ħadid u bronż l-istaneg tiegħek, u saħħtek kemm iddum ħaj.

26M'hemmx Alla bħalu, bħal Alla ta' Ġesurun, biex jgħinek; jaqsam riekeb is-
smewwiet, fuq is-sħab bil-glorja tiegħu.

27Kennek Alla ta' żmien il-qedem, b'dirgħajh iwieżnek minn taħt. Minn
quddiemek l-għedewwa jkeċċi, u lilek jordna u jgħid: 'Eqridhom'.

28U straħ Iżrael fil-kwiet bla biża'; u weħidha għaliha għajn Ġakobb, f'art l-inbid
u l-qmuħ, u n-nida tqattar minn smewwietha.

29Hieni int, ja Iżrael; min hu bħalek, poplu li ħelsek il-Mulej? Hu t-tarka ta'
għajnuntek, u x-xabla ta' rebħietek. U jżiegħlu bik l-għedewwa tiegħek, int u
tirfes fuq għoljiethom."

## Dewteronomju 34

1Mill-wita ta' Mowab Mosè tala' fuq il-muntanja Nebu fuq il-quċċata tal-Pisga li
tiġi quddiem Ġeriko. U l-Mulej urieh l-art kollha: Gilgħad sa Dan,

2Naftali kollu, l-art ta' Efrajm u Manassi, l-art kollha ta' Ġuda sal-baħar tal-
Punent,

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

3 in-Negeb fin-Nofsinhar, u l-firxa kollha mill-wita ta’ Ġeriko, belt is-siġar tal-palm, sa Sogħar.

4 U l-Mulej qallu: “Din hija l-art li jiena ħlift li nagħtiha lil Abraham, lil Iżakk u lil Ġakobb, meta jiena għedt: ‘Lil nislek nagħtiha.’ Hallejtek taraha b’għajnejk, iżda fiha ma tidħolx.”

5 U hemm miet Mosè, il-qaddej tal-Mulej, fl-art ta’ Mowab, bħalma ried il-Mulej.

6 U difnuh fil-wied f’art Mowab, fuq ir-riħ ta’ Bet-pegħor; u sal-lum qabru ħadd ma jaf fejn hu.

7 Mija u għoxrin sena kellu Mosè meta miet; kien għadu ma ċċajparx dawl għajnejh, u anqas saħħtu ma rħietu.

8 Tletin jum damu wlied Iżrael jibku ’l Mosè fil-wita ta’ Mowab.

9 Meta għaddew jiem il-biki għal-luttu ta’ Mosè, deher Ġożwè bin Nun, mimli bl-ispirtu tal-għerf, għax Mosè kien qiegħed idejh fuqu; għalhekk ulied Iżrael qagħdu għalih, u għamlu bħalma l-Mulej kien ikkmanda lil Mosè.

10 Imma qatt iżjed ma deher f’Iżrael profeta bħal Mosè li l-Mulej kien jafu wiċċ imb wiċċ;

11 ħadd bħalu għas-sinjali u l-għeġubijiet kollha li tah jagħmel il-Mulej fl-art tal-Eġittu kontra l-Fargħun u l-qaddejja tiegħu kollha u artu kollha:

12 ħadd bħal Mosè, għall-għemejjel kollha ta’ qawwa u ta’ biża’ kbir li għamel quddiem Iżrael kollu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

## Ġożwè 1

### L-ordnijiet tal-Mulej

1 Wara l-mewt ta’ Mosè, il-qaddej tal-Mulej, il-Mulej qal lil Ġożwè bin Nun, il-qaddej ta’ Mosè:

2 “Mosè, il-qaddej tiegħi, miet. Issa qum u aqsam dan il-Ġordan, int u dan il-poplu kollu ta’ Iżrael, lejn l-art li jien se nagħtikom.

3 Kull fejn jirfes qiegħ riġlek, lilkom nagħtih bħalma għedt lil Mosè.

4 Mid-deżert u l-Libanu sax-xmara l-kbira, ix-xmara tal-Ewfrat, l-art kollha tal-Hittin, sal-Baħar il-Kbir lejn inżul ix-xemx, tkun artkom.

5 “Hadd ma jiqaflek kemm iddum ħaj. Bħalma kont ma’ Mosè hekk inkun miegħek; ma nħallikx, ma nitilqekx.

6 Agħmel il-ħila u qawwi qalbek; għax int tqassam din l-art, l-art li jien ħlift lil missirijiethom li nagħtihielhom.

7 Biss agħmel il-ħila u qawwi qalbek, u qis li tagħmel il-liġi kollha li ordnalek Mosè, il-qaddej tiegħi; la tilwix minnha, la lejn il-lemin u lanqas lejn ix-xellug, biex ikollok ir-risq f’kulma tagħmel.

8 Ma jitbiegħed qatt il-ktieb ta’ din il-liġi minn fommok, u aħseb fuqu lejl u nhar, biex tagħraf tagħmel kulma hu miktub fih, u hekk tirnexxi f’għemilek u jkollok ir-risq.

9 Mhux dan il-kmand tiegħi? Agħmel il-ħila u qawwi qalbek; tibżax u titħawwadx, għax il-Mulej, Alla tiegħek, ikun miegħek kull fejn tmur.”

### L-ordnijiet ta’ Ġożwè lill-poplu

10 U Ġożwè ordna lill-kapijiet tal-poplu:

11 “Duru l-kamp u ordnaw lill-poplu u għidulhom: Hejju l-ikel għalikom, għax tlitt ijiem oħra intom taqsmu dan il-Ġordan biex tidħlu tieħdu l-art li l-Mulej, Alla tagħkom, sejjer jagħtikom biex teħduha f’idejkom.”

12 Ġożwè mbagħad kellem lir-Rubenin, lill-Gadin, u lil nofs it-tribù ta’ Manassi u qalilhom:

13 “Ftakru f’dak li ordnalkom Mosè, il-qaddej tal-Mulej, meta qalilkom: ‘Il-Mulej, Alla tagħkom, serraħkom u takom din l-art’.

14 In-nisa tagħkom, it-tfal tagħkom, l-imrieħel tagħkom jibqgħu fl-art li takom Mosè ’l hemm mill-Ġordan u intom ilkoll, irġiel qalbiena, tħażżmu bl-armi u għaddu qabel ħutkom u agħtuhom l-għajnuna,


© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

15sakemm il-Mulej iserraħ lil ħutkom bħalkom u jieħdu f'idejhom l-art li tahom il-Mulej, Alla tagħkom. Imbagħad intom tkunu tistgħu terġgħu lura lejn l-art li hi tagħkom u teħduha f'idejkom, l-art li takom Mosè, il-qaddej tal-Mulej, lil hemm mill-Ġordan, in-naħa tal-Lvant."

16U huma wieġbu lil Ġożwè u qalulu: "Nagħmlu kulma tordnalna, u mmorru kull fejn tibgħatna.

17Bħalma smajna f'kollox minn Mosè, hekk nisimgħu minnek. Biss ħa jkun miegħek il-Mulej, Alla tiegħek, bħalma kien ma' Mosè.

18Kull min jeħodha kontra kliemek u ma jismax minn kulma tgħidilna u tordnalna, jingħata l-mewt. Biss agħmel il-ħila u qawwi qalbek."

## Ġożwè 2

### L-ispjuni f'Ġeriko

1Ġożwè bin Nun bagħat bil-moħbi minn Sittim żewġt irġiel jitkixxfu l-art u qalilhom: "Morru u araw l-art u 'l Ġeriko." U telqu u daħlu f'dar ta' mara żienja, jisimha Raħab, u raqdu hemm.

2U għarrfu lis-sultan ta' Ġeriko u qalulu: "Ara, dal-lejl daħlu hawn xi rġiel minn ulied Iżrael biex jitkixxfu l-art."

3U s-sultan ta' Ġeriko bagħat jgħid lil Raħab: "Oħroġ 'il barra l-irġiel li ġew għandek f'darek, għax dawk ġew biex jitkixxfu l-art kollha."

4U l-mara, li kienet ħadet iż-żewġt irġiel u ħbiethom, wieġbet: "Iva, ġew għandi rġiel u ma kontx naf mnejn ġew;

5imma meta wasal biex jidlam u jingħalaq il-bieb l-irġiel ħarġu, bla ma jien naf fejn marru. Itilqu malajr għal warajhom u tilħquhom."

6Hi kienet tellgħethom fuq il-bejt, u ħbiethom qalb il-ħatab tal-kittien, li kellha maħżun fuq il-bejt.

7U l-oħrajn marru għal warajhom matul it-triq tal-Ġordan sal-mogħdija fuq ix-xmara; u l-bieb sakkruh warajhom.

### Il-ftehim ma' Raħab

8Qabel ma raqdu, Raħab telgħet ħdejhom fuq il-bejt

9u qaltilhom: "Jien naf li l-Mulej takom f'idejkom din l-art, għax aħna lkoll imbeżżgħin minnkom; in-nies li jgħammru f'din l-art kollha mwerwrin minħabba fikom.


© 2020 Malta Bible Society.

10Għax smajna kif il-Mulej nixxef l-ilma tal-Baħar tal-Qasab minn quddiemkom meta ħriġtu mill-Eġittu, u x'għamlu liż-żewġ slaten tal-Amurrin, li hemm lil hemm mill-Ġordan, Siħon u Għog, kif qridtuhom.

11Malli smajna qalbna nħallet u ma baqgħet ebda ruħ f'ħadd minna minħabba fikom. Tassew li l-Mulej, Alla tagħkom, hu Alla fis-sema minn fuq u fuq l-art minn taħt.

12Issa, mela, aħilfuli bil-Mulej li kif jiena ġibt ruħi sewwa magħkom, hekk intom iġġibu ruħkom sewwa ma' dar missieri, u tagħtuni sinjal żgur

13li tħallu ħajjin lil missieri u lil ommi u 'l ħuti, subien u bniet, u kulma għandhom, u teħilsuna mill-mewt."

14L-irġiel weġbuha: "Nagħmlulkom tajjeb b'ħajjitna, jekk ma tikxfux din il-biċċa tagħna. Meta l-Mulej jagħtina l-art aħna nżommu l-kelma li tajniek, u nuruk ħniena."

15U niżżlithom b'ħabel mit-tieqa, għax darha, fejn kienet tgħammar, kienet mal-ħajt tas-sur,

16u qaltilhom: "Morru lejn l-għoljiet, biex ma jiltaqgħux magħkom dawk li ħarġu għalikom. Inħbew hemm għal tlitt ijiem sakemm jerġgħu lura; imbagħad morru għal triqtkom."

17U l-irġiel qalulha: "Aħna nkunu maħlulin minn din il-ħalfa tiegħek li ġegħeltna naħilfu,

18kemm-il darba meta aħna nidħlu fl-art ma ddendilx dan ir-rumnel aħmar mat-tieqa, li minnha niżżiltna, u ma tiġborx għandek f'darek lil missierek u 'l ommok u 'l ħutek u 'l dar missierek kollha.

19U kull min joħroġ 'il barra minn bieb darek, iħallas b'demmu u aħna ma nkunux ħatja. Kull min ikun għandek f'darek, inħallsu għalih aħna b'demmna, jekk xi ħadd imidd idu fuqu.

20Jekk inti mbagħad tikxef din il-biċċa tagħna, aħna nkunu maħlula minn din il-ħalfa li ġegħeltna naħilfu."

21U hi wieġbet: "Hekk ikun, bħalma għedtuli." U ħalliethom imorru, u telqu; u hi dendlet ir-rumnell aħmar mit-tieqa għal mal-ħajt.

22Telqu u marru lejn l-għoljiet, u baqgħu hemm moħbija għal tlitt ijiem sakemm reġgħu lura dawk li ħarġu jfittxuhom, u dawn fittxew it-triq kollha, u ma sabuhomx.

23Imbagħad iż-żewġt irġiel reġgħu lura, niżlu mill-għoljiet, qasmu l-Ġordan, u marru għand Ġożwè bin Nun, u qalulu kulma ġralhom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

[24]U lil Ġożwè qalulu: "Tassew li l-Mulej tana f'idejna l-art kollha, għax in-nies kollha tal-pajjiż qalbhom inħallet minħabba fina."

## Ġożwè 3

### Il-qsim tal-Ġordan

[1]L-għada Ġożwè bakkar filgħodu, u telqu minn Sittim, u waslu ħdejn il-Ġordan, hu u wlied Iżrael kollha, u hemm għaddew il-lejl qabel ma qasmu x-xmara.

[2]U wara tlitt ijiem il-kapijiet daru dawra mal-kamp u ordnaw lill-poplu u qalulhom:

[3]"Meta taraw l-arka tal-patt tal-Mulej, Alla tagħkom, u l-qassisin Leviti jerfgħuha, qumu minn postkom u imxu warajha.

[4]Biss żommu bejnkom u bejna l-bogħod ta' elfejn driegħ. La tersqux lejha. Hekk tkunu tafu t-triq li għandkom tgħaddu minnha; għax qatt qabel ma għaddejtu minn din it-triq."

[5]U Ġożwè qal lill-poplu: "Tqaddsu għax għada l-Mulej se jagħmel ħwejjeġ tal-għaġeb f'nofskom."

[6]U Ġożwè kellem lill-qassisin u qalilhom: "Erfgħu l-arka tal-patt u għaddu quddiem il-poplu." U refgħu l-arka tal-patt u għaddew quddiem il-poplu.

[7]U l-Mulej qal lil Ġożwè: "Illum nibda nkabbrek f'għajnejn Iżrael kollu biex ikunu jafu li kif jien kont ma' Mosè, hekk inkun miegħek.

[8]Issa ordna lill-qassisin li jġorru l-arka tal-patt u għidilhom: "Kif taslu sa xfar l-ilma tal-Ġordan, ieqfu fil-Ġordan."

[9]U Ġożwè qal lil ulied Iżrael: "Ersqu 'l hawn u isimgħu l-kliem tal-Mulej, Alla tagħkom."

[10]U żied jgħidilhom Ġożwè: "B'dan tagħrfu li Alla l-ħaj qiegħed f'nofskom, u sejjer ikeċċi minn quddiemkom il-Kangħanin, il-Ħittin, il-Ħiwwin, il-Periżżin, il-Girgasin, l-Amurrin u l-Ġebusin.

[11]Araw, l-arka tal-patt tal-Mulej, Sid l-art kollha, sejra tgħaddi quddiemkom fil-Ġordan.

[12]Issa agħżlu tnax-il raġel mit-tribujiet ta' Iżrael, wieħed għal kull tribù.

[13]Malli l-qassisin li jkunu jerfgħu l-arka tal-Mulej, Sid l-art kollha, iniżżlu riġlejhom fl-ilma tal-Ġordan, l-ilma tiegħu jofrogħ, waqt li l-ilma jkun nieżel."

### Il-Ġordan jixxotta

[14]Xħin in-nies telqu mill-għerejjex tagħhom biex jaqsmu l-Ġordan, il-qassisin, li kienu jġorru l-arka tal-patt, marru quddiemhom.


© 2020 Malta Bible Society.

15U meta r-reffiegħa tal-arka waslu sal-Ġordan u riġlejn il-qassisin li kienu jġorru l-arka messew ma' xifer l-ilma - fi żmien il-ħsad kollu l-Ġordan ikun mimli sa fuq ix-xtut tiegħu -

16l-ilma nieżel min-naħa ta' fuq waqaf, u qam gozz wieħed, 'il bogħod ħafna ħdejn Adam, il-belt li qiegħda ħdejn Saretan; l-ilma nieżel lejn il-Baħar tal-Għaraba, il-Baħar il-Mielaħ, ġie fix-xejn għalkollox; u l-poplu qasam biswit Ġeriko.

17Il-qassisin, li kienu jġorru l-arka tal-patt tal-Mulej, waqfu fin-niexef f'nofs il-Ġordan, u l-Iżraelin kollha baqgħu jaqsmu fin-niexef sa ma l-poplu kollu għadda l-Ġordan.

## Ġożwè 4

### It-tnax-il ġebla

1Malli l-poplu kollu temm jaqsam il-Ġordan, il-Mulej kellem lil Ġożwè u qallu:

2"Ħu minn fost il-poplu tnax-il raġel, wieħed minn kull tribù,

3u ordnalhom u għidilhom: 'Ħudu minn hawn, minn nofs il-Ġordan, minfejn waqfu fis-sod riġlejn il-qassisin, tnax-il ġebla, u ħuduhom magħkom, u qegħduhom fil-post fejn sejrin tgħaddu l-lejl illejla.' "

4U Ġożwè sejjaħ it-tnax-il raġel li kien għażel minn fost ulied Iżrael, wieħed għal kull tribù.

5U qalilhom: "Aqsmu quddiem l-arka tal-Mulej, Alla tagħkom, għal nofs il-Ġordan, u kull wieħed minnkom jgħabbi ġebla fuq spalltu, skont l-għadd tat-tribujiet ta' wlied Iżrael

6biex dan jibqa' sinjal f'nofskom. U meta għada jistaqsukom uliedkom: 'Xi jfisser għalikom dan il-ġebel?'

7tweġbuhom u tgħidulhom: 'Hawn l-ilma tal-Ġordan forogħ quddiem l-arka tal-patt tal-Mulej, hi u għaddejja mill-Ġordan.' U dan il-ġebel għandu jkun ta' tifkira dejjiema għal ulied Iżrael."

8U wlied Iżrael għamlu kulma ordnalhom Ġożwè: ħadu tnax-il ġebla minn nofs il-Ġordan, kif kien ordna l-Mulej lil Ġożwè, skont l-għadd tat-tribujiet ta' wlied Iżrael, u ħaduhom magħhom fejn kellhom jgħaddu l-lejl, u qegħduhom hemm.

9Ġożwè waqqaf tnax-il ġebla f'nofs il-Ġordan, fejn waqfu riġlejn il-qassisin li kienu jerfgħu l-arka tal-patt, u għadhom hemm sal-lum.

10Il-qassisin li kienu qegħdin jerfgħu l-arka baqgħu weqfin f'nofs il-Ġordan sakemm sar dak kollu li l-Mulej kien ordna lil Ġożwè jgħid lill-poplu, u skont kulma kien ordna Mosè lil Ġożwè. U l-poplu għaġġel jaqsam ix-xmara.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

[11]Malli għadda l-poplu kollu, għaddiet l-arka tal-Mulej, u mbagħad il-qassisin
għal quddiem il-poplu.

[12]U għaddew ukoll in-nies armati, ulied Ruben, u wlied Gad u nofs it-tribù ta'
Manassi, għal quddiem ulied Iżrael, bħal ma kien ordnalhom Mosè.

[13]Għaddew minn quddiem il-Mulej, madwar erbgħin elf ruħ armati u lesti għat-
taqbid fil-witat ta' Ġeriko.

[14]Dak in-nhar il-Mulej kabbar lil Ġożwè f'għajnejn Iżrael kollu, u bdew jibżgħu
minnu, bħalma kienu jibżgħu minn Mosè ħajtu kollha.

[15]U l-Mulej kellem lil Ġożwè u qallu:

[16]"Ordna lill-qassisin, lir-reffiegħa tal-arka tax-xhieda, jitilgħu mill-Ġordan."

[17]U Ġożwè ordna lill-qassisin u qalilhom: "Itilgħu mill-Ġordan."

[18]U ġara li malli l-qassisin, li kienu jġorru l-arka tal-patt tal-Mulej, telgħu mill-
Ġordan u riġlejhom missew l-art niexfa, l-ilma tal-Ġordan raġa' għal fejn kien, u
beda jiġri bħal qabel matul ix-xtut kollha tiegħu.

[19]U l-poplu tala' mill-Ġordan fl-għaxra tal-ewwel xahar, u waqqaf il-kamp f'Gilgal
fuq in-naħa tal-Lvant ta' Ġeriko.

### Il-monument

[20]It-tnax-il ġebla li kienu ħadu mill-Ġordan, Ġożwè waqqafhom f'Gilgal.

[21]U kellem lil ulied Iżrael u qalilhom: "Meta wliedkom 'il quddiem għad jistaqsu
lil missirijiethom: 'X'inhu dan il-ġebel?'

[22]intom tgħarrfu lil uliedkom u tgħidulhom: 'Fin-niexef qasam Iżrael dan il-
Ġordan',

[23]għax nixxef il-Mulej, Alla tagħkom, l-ilmijiet tal-Ġordan minn quddiemkom sa
ma għaddejtu bħalma kien għamel il-Mulej, Alla tagħkom, lill-Baħar tal-Qasab, li
nixxfu minn quddiemna sakemm qsamnieh.

[24]Sabiex ikun jaf kull ġens tal-art li qawwija hi id il-Mulej, u sabiex intom tibżgħu
mill-Mulej, Alla tagħkom, għal dejjem."

## Ġożwè 5

[1]Malli semgħu s-slaten kollha tal-Amurrin tan-naħa l-oħra tal-Ġordan, in-naħa
tal-Punent, u s-slaten kollha tal-Kangħanin, ta' ħdejn il-baħar, jiġifieri li l-Mulej
nixxef l-ilma tal-Ġordan minn quddiem ulied Iżrael sakemm qasmu, qalbhom
inħallet u tmewtu għalkollox minħabba wlied Iżrael.

### Ir-rit taċ-ċirkonċiżjoni


© 2020 Malta Bible Society.

2Dakinhar il-Mulej qal lil Ġożwè: "Agħmel skieken taż-żnied u erġa' aħtan lil
ulied Iżrael għal darba oħra."

3U Ġożwè għamel skieken taż-żnied, u ħaten lil ulied Iżrael f'Gibgħat-għarlot.

4U Ġożwè ħatinhom għaliex l-irġiel li kienu ħarġu mill-Eġittu, in-nies kollha tal-
ġlied, kienu mietu fid-deżert, fit-triq, wara li kienu ħarġu mill-Eġittu.

5Għax il-poplu kollu li ħareġ mill-Eġittu kien maħtun, imma n-nies li twieldu fid-
deżert, fit-triq wara li kienu ħarġu mill-Eġittu, ma kinux maħtuna.

6Għaliex ulied Iżrael baqgħu jiġġerrew fid-deżert erbgħin sena, sakemm mietu
lkoll l-irġiel tal-ġlied li kienu ħarġu mill-Eġittu, għax ma semgħux minn leħen il-
Mulej, li kien ħalfilhom li ma jarawx l-art li l-Mulej kien ħalef lil missirijiethom li
jagħti lilna, art tnixxi ħalib u għasel.

7Flokhom qajjem lil uliedhom; lil dawn ħaten Ġożwè, għax kienu bla ħtin billi ma
ħatnuhomx fit-triq.

8U malli nħaten il-poplu kollu, baqgħu fil-kamp fejn kienu sakemm fiequ.

9U l-Mulej qal lil Ġożwè: "Illum jien neħħejtilkom minn fuqkom l-għajb tal-
Eġittu." U sejħu lil dak il-post Gilgal sal-lum.

### Iċ-ċelebrazzjoni tal-Għid

10Ulied Iżrael waqqfu l-kamp tagħhom f'Gilgal. Hemm, fil-witat ta' Ġeriko,
għamlu l-Għid filgħaxija tal-erbatax tax-xahar.

11U sewwasew l-għada tal-Għid, huma kielu mill-frott tal-art: ħobż ażżmu u
qamħ inkaljat.

12Minn dak in-nhar, wara li kielu mill-frott tal-art, il-manna waqfet. Ulied Iżrael
ma kellhomx aktar manna, imma minn dik is-sena bdew jieklu milli bdiet
tagħtihom l-art ta' Kangħan.

### Jirbħu l-belt ta' Ġeriko

13Ġara li xħin Ġożwè kien ħdejn Ġeriko rafa' għajnejh u ra raġel quddiemu
wieqaf bix-xabla misluta, u Ġożwè resaq lejh u staqsieh: "Inti magħna jew mal-
għedewwa tagħna?"

14U hu wieġbu: "Le! Jien kaptan fl-eżerċtu tal-Mulej, issa ġejt." U Ġożwè nxteħet
wiċċu fl-art u beda jqimu u qallu: "X'għandu x'jgħid Sidi lill-qaddej tiegħu?"

15U l-kaptan tal-eżerċtu tal-Mulej qal lil Ġożwè: "Neħħi l-qorq minn riġlejk, għax
l-art, li inti fuqha, hi post qaddis." U Ġożwè għamel hekk.

## Ġożwè 6


© 2020 Malta Bible Society.

1Ġeriko kienet magħluqa u msakkra minħabba wlied Iżrael; ħadd ma kien joħroġ
jew jidħol.

2U l-Mulej qal lil Ġożwè: "Ara, irħejt f'idejk lil Ġeriko u s-sultan tagħha, nies ta'
ħila kbira.

3Duru dawra waħda mal-belt, l-irġiel kollha tal-ġlied, u tagħmlu hekk għal sitt
ijiem.

4U seba' qassisin jieħdu seba' trombi tal-ġublew quddiem l-arka, u fis-seba' jum
idduru mal-belt seba' darbiet, u l-qassisin idoqqu t-trombi.

5Imbagħad malli jdoqq il-kornu, u malli tisimgħu t-tromba ddoqq, il-poplu kollu
jgħajjat għajta kbira, u jiġġarrfu l-ħitan tal-belt, u l-poplu jidħol fil-belt, kulħadd
minn fejn ikun."

6Ġożwè bin Nun sejjaħ il-qassisin u qalilhom: "Erfgħu l-arka tal-patt u seba'
qassisin jieħdu seba' trombi tal-ġublew, quddiem l-arka tal-Mulej."

7U lill-poplu qallu: "Għaddu u duru mal-belt, u n-nies armati jgħaddu quddiem l-
arka tal-Mulej."

8Malli Ġożwè temm ikellem il-poplu, seba' qassisin, li kellhom is-seba' trombi
tal-ġublew quddiem il-Mulej, għaddew 'il quddiem u bdew idoqqu t-trombi, u l-
arka tal-patt tal-Mulej kienet miexja warajhom.

9In-nies armati mxew quddiem il-qassisin, li kienu jdoqqu t-trombi; u l-bqija
mxew wara l-arka, għad-daqq tat-trombi.

10Ġożwè ordna lill-poplu: "Tgħajtux u ssemmgħux leħinkom, u tħallu toħroġ
ebda kelma minn fommkom, sa dak in-nhar li ngħidilkom: 'Għajtu!' Imbagħad
għajtu."

11U daret l-arka tal-Mulej madwar il-belt għal darba waħda, u reġgħu lura lejn il-
kamp, u għaddew il-lejl hemmhekk.

12L-għada Ġożwè bakkar, u l-qassisin refgħu l-arka tal-Mulej.

13U s-seba' qassisin li kellhom is-seba' trombi tal-ġublew quddiem l-arka tal-
Mulej, telqu, jimxu u jdoqqu t-trombi; u n-nies armati mxew quddiemhom u l-
bqija mxew wara l-arka tal-Mulej, għad-daqq tat-trombi.

14U daru darba waħda mal-belt fit-tieni jum u reġgħu lura lejn il-kamp. Hekk
għamlu għal sitt ijiem.

15Fis-seba' jum imbagħad bakkru mat-tbexbix, u daru seba' darbiet bl-istess
mod madwar il-belt; biss dakinnhar daru mal-belt seba' darbiet.

16Mas-seba' darba l-qassisin daqqew it-trombi u Ġożwè qal lill-poplu: "Għajtu,
għax takom il-Mulej il-belt.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

17U l-belt tingħata għall-qerda, hi u kulma fiha, f'ġieħ il-Mulej; Raħab iż-żienja biss tibqa' ħajja, hi u kulma għandha f'darha, għax hi ħbiet il-messaġġiera li bgħatna.

18Imma intom ħarsu rwieħkom minn dak kollu li għandu jinqered, li ma tieħdu xejn minnu, u b'hekk twaqqgħu l-kamp ta' Iżrael fl-interdett u tħarbtuh.

19Kull fidda u deheb, u l-oġġetti kollha tal-bronż u l-ħadid huma kkonsagrati lill-Mulej, u jmorru fil-ħażna tal-Mulej."

20U għajjat il-poplu, u daqqew it-trombi, u malli l-poplu sama' d-daqq tat-trombi għajtu għajta kbira, u l-ħitan iġġarrfu u l-poplu tala' għall-belt, kulħadd minn fejn kien, u qabdu l-belt f'idejhom.

21U qerdu kulma kien hemm fil-belt, irġiel u nisa, żgħażagħ u xjuħ, gniedes, nagħaġ u ħmir, b'xifer ix-xabla.

22U liż-żewġt irġiel li kienu marru jitkixxfu l-art Ġożwè qalilhom: "Morru f'dar il-mara żienja u oħorġu minn hemm il-mara u kulma hemm għandha, skont ma ħliftulha."

23U ż-żgħażagħ, li kienu marru jitkixxfu, marru u ħarġu lil Raħab u lil missierha u lil ommha u lil ħutha u kulma kellha; u ħarġu lin-nies kollha ta' darha u qegħduhom barra mill-kamp ta' Iżrael.

24Imbagħad taw in-nar, u ħarqu l-belt, u kulma kien fiha, imma l-fidda u d-deheb u l-oġġetti kollha tal-bronż u tal-ħadid qegħduhom fil-ħażna ta' dar il-Mulej.

25Ġożwè, imma, ħalla ħajja lil Raħab iż-żienja, il-familja ta' missierha u kulma kellha, u baqgħet tgħix f'Iżrael sal-lum, għax kienet ħbiet il-messaġġiera li Ġożwè kien bagħat jitkixxfu 'l Ġeriko.

26Ġożwè ħalef dakinhar u qal: Misħut il-bniedem quddiem il-Mulej li jfettillu jibni din il-belt, u b'ibnu l-kbir isejjisha, u jwaqqfilha bwiebha b'ibnu ż-żgħir.

27U l-Mulej kien ma' Ġożwè; il-fama tiegħu xterdet mal-art kollha.

## Ġożwè 7

### It-telfa quddiem il-belt ta' Għaj

1Imma wlied Iżrael ma qagħdux għall-ordni tal-interdett u dinbu: Għakan bin Karmi, bin Żabdi, bin Żeraħ, mit-tribù ta' Ġuda, ħa xi ħaġa milli kien interdett, u l-korla tal-Mulej xegħlet kontra wlied Iżrael.

2U Ġożwè bagħat xi rġiel minn Ġeriko lejn Għaj ħdejn Bet-awen, fuq il-Lvant ta' Betel, u qalilhom: "Itilgħu u tkixxfu l-art." U l-irġiel telgħu u tkixxfu 'l Għaj.


© 2020 Malta Bible Society.

3 Meta reġgħu lura għand Ġożwè qalulu: "Ma hemmx għalfejn jitla' l-poplu kollu; biżżejjed jitilgħu xi elfejn ruħ jew tlieta, u jeqirdu 'l Għaj. Tgħajjix il-poplu kollu sa hemmhekk, għax ftit huma n-nies."

4 Imbagħad telgħu hemmhekk tlitt elef raġel mill-poplu, imma kellhom jaħarbu minn quddiem in-nies ta' Għaj;

5 u n-nies ta' Għaj qatlu minnhom xi sitta u tletin ruħ, u ħarġu għal warajhom minn quddiem il-bieb sa Sebarim, u tawhom xebgħa fin-niżla. U qalb il-poplu nħallet u saret ilma.

6 "U Ġożwè ċarrat ħwejġu u nxteħet wiċċu fl-art quddiem l-arka tal-Mulej sa filgħaxija, hu u x-xjuħ ta' Iżrael, u xeħtu l-irmied fuq rashom.

7 U Ġożwè qal: "Ah! Sidi Mulej, għaliex ġagħalt lil dan il-poplu jaqsam il-Ġordan, biex titlaqna f'idejn l-Amurrin, biex jeqirduna? Mhux li bqajna n-naħa l-oħra tal-Ġordan!

8 Iddew, Sidi, x'nista' ngħid wara li Iżrael dawwar dahru quddiem l-għedewwa tiegħu?

9 Jisimgħu b'dan il-Kangħanin u kull min jgħammar fl-art, u jdawruna u jeqirdu isimna minn fuq wiċċ l-art; imbagħad x'tagħmel int għall-kobor ta' ismek?"

10 U l-Mulej wieġeb lil Ġożwè: "Qum, għaliex int mixħut wiċċek fl-art?

11 Iżrael dineb u kiser il-patt li jien għamilt magħhom: ħadu mill-ħwejjeġ interdetti, serquhom, ħbewhom u ħalltuhom ma' ħwejjiġhom.

12 U wlied Iżrael ma setgħux jieqfu quddiem l-għedewwa tagħhom, imma kellhom idawru daharhom quddiemhom, għax waqa' l-interdett fuqhom. Ma nibqax aktar magħkom, jekk ma teqirdux minn ġo nofskom kulma hu interdett.

13 Qum u qaddes il-poplu u għidlu: 'Tqaddsu għal għada, għax hekk jgħid il-Mulej, Alla ta' Iżrael: Għandkom ħwejjeġ interdetti f'nofskom, Iżrael. Ma tistgħux tieqfu lill-għedewwa tagħkom qabel ma twarrbuhom minn ġo nofskom.

14 Ersqu għada tribù tribù; u t-tribù li jagħżel il-Mulej jersaq familja familja; u l-familja li jagħżel il-Mulej tersaq dar dar; u d-dar li jagħżel il-Mulej tersaq raġel raġel.

15 U min jinqabad bi ħwejjeġ interdetti, jaħarquh bin-nar, lilu u 'l kulma għandu, talli kiser il-patt tal-Mulej, u għamel din il-bluha f'Iżrael.' "

16 Ġożwè bakkar filgħodu u ressaq lil Iżrael tribù tribù, u ntgħażel it-tribù ta' Ġuda.

17 U ressaq il-familja ta' Ġuda, familja familja, u ntgħażlet il-familja taż-Żeraħin; u ressaq il-familja taż-Żeraħin dar dar, u għażel id-dar ta' Żabdi.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[18]U ressaq id-dar tiegħu raġel raġel, u ntgħażel Għakan bin Karmi, bin Żabdi, bin
Żeraħ, mit-tribù ta’ Ġuda.

[19]Ġożwè qal lil Għakan: “Ibni, sebbaħ u faħħar lill-Mulej, Alla ta’ Iżrael, u għidli
x’għamilt; taħbili xejn.”

[20]U wieġeb Għakan lil Ġożwè u qallu: “Tassew jiena dnibt kontra l-Mulej, Alla ta’
Iżrael, u għamilt dan u dan.

[21]Rajt fost il-priża mantar ta’ Singħar sabiħ, u mitejn xekel tal-fidda taħtu, u virga
tad-deheb tiżen ħamsin xekel. Inġbidt lejhom u ħadthom. U hemm arahom
moħbija fl-art f’nofs l-għarix tiegħi.”

[22]U Ġożwè bagħat xi nies fl-għarix tiegħu u hemm huma sabuhom moħbijin fl-
għarix tiegħu u l-fidda taħt nett.

[23]U ħaduhom minn nofs l-għarix, u ġabuhom għand Ġożwè quddiem ulied Iżrael
kollha, u qegħduhom quddiem il-Mulej.

[24]U qabad Ġożwè, u Iżrael kollu miegħu, lil Għakan bin Żeraħ, u l-fidda, u l-
mantar, u l-virga tad-deheb, u lil uliedu subien u bniet, u l-gendus u l-ħmar
tiegħu, u n-nagħaġ u l-għarix tiegħu u kulma kellu, u ħaduhom fil-wied ta’
Għakor.

[25]U Ġożwè qallu: “Talli ħabbattna, iħabbtek illum il-Mulej.” U ħaġġruh l-Iżraelin
kollha, u ħarquhom fin-nar u radmuhom ilkoll bil-ġebel.

[26]Imbagħad waqqfu fuqu borġ ġebel kbir li għadu hemm sal-lum. U l-Mulej bired
mis-saħna tal-korla tiegħu, u għalhekk semmew dak il-post il-wied ta’ Għakor
sal-lum.

## Ġożwè 8

### Ir-rebħa tal-belt ta’ Għaj

[1]U l-Mulej qal lil Ġożwè: “La tibżax u la taqtax qalbek. Hu miegħek in-nies kollha
tal-ġlied, u qum u itla’ għal Għaj. Ara, jien nerħi f’idejk is-sultan ta’ Għaj bin-nies
u l-belt, u l-art tiegħu b’kollox.

[2]U agħmel lil Għaj u s-sultan tagħha bħalma għamilt lil Ġeriko u s-sultan tagħha.
Tistgħu żżommu biss għalikom il-priża u l-bhejjem tagħha. Qiegħed għassa
moħbija min-naħa ta’ warajha.”

[3]U qam Ġożwè u n-nies kollha tal-ġlied biex jitilgħu għal Għaj; u Ġożwè għażel
tletin elf raġel ta’ ħila kbira, u bagħathom billejl.

[4]Ordnalhom u qalilhom: “Araw, intom għandkom tinħbew u tgħassu l-belt min-
naħa ta’ warajha, titbegħdux ħafna mill-belt, u oqogħdu lkoll dejjem għal-lest.


© 2020 Malta Bible Society.

5U jiena bin-nies kollha li għandi miegħi nersaq lejn il-belt, u malli joħorġu biex
jaħbtu għalina bħall-aħħar darba, aħna naħarbu minn quddiemhom.

6U joħorġu warajna, sakemm niġbduhom 'il bogħod mill-belt, għax huma jgħidu:
'Ħarbu minn quddiemna bħal qabel.' Aħna u naħarbu,

7intom qumu mill-moħba tagħkom u taqbdu l-belt f'idejkom, u l-Mulej, Alla
tagħkom, jerħiha f'idejkom.

8U malli taqbdu l-belt agħtuha n-nar u tagħmlu skont ma qalilkom il-Mulej.
Dawn huma l-ordnijiet tiegħi."

9U Ġożwè bagħathom, u dawk telqu għall-moħba tagħhom, u qagħdu bejn Betel
u Għaj, fuq il-Punent ta' Għaj. Ġożwè għadda l-lejl f'nofs il-poplu.

10L-għada Ġożwè bakkar, u għadd il-poplu, u tala' hu u x-xjuħ ta' Iżrael quddiem
il-poplu lejn Għaj.

11U n-nies tal-ġlied li kienu miegħu telgħu, u resqu sa ma waslu quddiem il-belt;
u waqfu fuq it-Tramuntana ta' Għaj, bil-wied bejnhom u bejn Għaj.

12U ħa xi ħamest elef raġel, u qegħedhom moħbija bejn Betel u Għaj fuq il-Punent
tal-belt.

13U qassam il-poplu - il-qtajja' kollha li kellu fuq it-Tramuntana tal-belt u l-
għases fuq il-Punent tal-belt - Ġożwè dak il-lejl għaddieh f'nofs il-wied.

14Ġara li malli s-sultan ta' Għaj ra dan kollu, hu u n-nies ta' Għaj qamu kmieni u
ħarġu jgħaġġlu jilqgħu lill-Iżraelin, u jitqabdu magħhom, hu u n-nies kollha
tiegħu, fil-ħin miftiehem fin-niżla biswit l-Għaraba, bla ma kien jaf li kien hemm
l-għases moħbija wara l-belt.

15U Ġożwè u Iżrael kollu għamlu ta' birruħhom mirbuħa u ħarbu lejn id-deżert.

16Imbagħad il-poplu kollu li kien fil-belt ingħaqad b'għajta waħda u marru għal
warajhom, u għamlu għal wara Ġożwè, u tbiegħdu biċċa sewwa mill-belt.

17U ma kienx baqa' raġel f'Għaj u f'Betel, li ma ħariġx għal wara Iżrael; ħallew il-
belt miftuħa, u għamlu għal wara Iżrael.

18Imbagħad il-Mulej qal lil Ġożwè: "Erfa' l-lanza li għandek f'idek lejn Għaj, għax
f'idek sejjer nerħiha." Ġożwè rafa' l-lanza li kellu f'idu lejn il-belt.

19Malli rafa' idu n-nies li kienu moħbija ħarġu mill-moħba tagħhom u telqu jiġru,
daħlu l-belt, qabduha u tawha n-nar.

20U n-nies ta' Għaj daru, u ħarsu warajhom, u raw tiela' d-duħħan mill-belt lejn
is-sema u ma baqgħetilhom ebda saħħa biex jaħarbu 'l hawn u 'l hinn; u l-poplu
li kien qiegħed jaħrab lejn id-deżert dar għal dawk li kienu jiġru warajh.


© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

21 Meta Ġożwè u l-Iżraelin kollha raw li l-għases li kienu moħbija kienu qabdu l-belt, u d-duħħan kien tiela' minn ġol-belt, daru u ħabtu għan-nies ta' Għaj.

22 U dawk ħarġu mill-belt jiltaqgħu magħhom u sabu ruħhom f'nofs l-Iżraelin, biċċa minn naħa u biċċa minn oħra; u l-Iżraelin kissruhom sa ma ħallewlhom lil ħadd jeħles jew jaħrab.

23 U s-sultan ta' Għaj qabduh ħaj, u ħaduh għand Ġożwè.

24 Malli l-Iżraelin temmew joqtlu n-nies kollha ta' Għaj fir-raba', fid-deżert, fejn għamlu għal warajhom, u waqgħu lkoll mejtin b'xifer ix-xabla sal-aħħar wieħed, l-Iżraelin reġgħu lura f'Għaj u qerduha b'xifer ix-xabla.

25 U l-mejtin, irġiel u nisa, dak in-nhar laħqu tnax-il elf, in-nies kollha ta' Għaj.

26 U Ġożwè ma reġġax idu, li kien rafa' bil-lanza, qabel ma qered in-nies kollha ta' Għaj.

27 L-Iżraelin żammew għalihom il-bhejjem u l-priża biss, skont ma kien ordna l-Mulej lil Ġożwè.

28 Ġożwè mbagħad ħaraq il-belt ta' Għaj u għamel minnha borġ ħerba darba għal dejjem u dan għadu hemm sal-lum.

29 U s-sultan ta' Għaj dendluh ma' siġra sa filgħaxija, u ma' nżul ix-xemx Ġożwè ordna li jniżżlu ġismu mejjet mis-siġra, u xeħtuh ħdejn il-bieb tal-belt, u fuqu għamlu borġ ġebel kbir li għadu hemm sal-lum.

### It-tiġdid tal-patt

30 Imbagħad Ġożwè bena artal lill-Mulej, Alla ta' Iżrael, fuq il-muntanja Għebal,

31 skont l-ordni li Mosè, il-qaddej tal-Mulej, kien ta lil ulied Iżrael, kif inhu miktub fil-ktieb tal-liġi ta' Mosè; artal b'ġebel sħiħ, mhux mimsus bil-ħadid, u offrew fuqu sagrifiċċji tal-ħruq lill-Mulej, u ssagrifikaw ukoll vittmi tas-sliem.

32 U Ġożwè kiteb fuq il-ġebel kopja tal-liġi li Mosè kien kiteb quddiem ulied Iżrael.

33 U l-Iżraelin kollha, ix-xjuħ u l-kapijiet, u l-imħallfin, kienu weqfin ħdejn l-arka minn naħa u minn oħra, quddiem il-qassisin Leviti li jerfgħu l-arka tal-patt tal-Mulej; u l-barranin u n-nies tal-pajjiż kienu nofshom ħdejn il-muntanja Gariżim u nofshom ħdejn il-muntanja Għebal skont ma kien ordna Mosè, il-qaddej tal-Mulej, biex Ġożwè jbierek il-poplu ta' Iżrael għall-ewwel darba.

34 Imbagħad Ġożwè qara l-kliem kollu tal-liġi, il-barka u s-saħta, kollox kif inhu miktub fil-ktieb tal-liġi.

35 Ma kienx hemm kelma minn kulma kien ordna Mosè li ma qrahiex Ġożwè quddiem il-ġemgħa kollha ta' Iżrael, nisa, tfal u l-barranin li kienu jgħammru f'nofshom.


© 2020 Malta Bible Society.

# Ġożwè 9

### Ir-rebħa ta' Kangħan tan-Nofsinhar; l-ingann tal-Gibgħonin

1 Malli semgħu b'dan is-slaten tan-naħa l-oħra tal-Ġordan, dawk li kienu jgħammru fil-muntanji u fis-Sefela, u fix-xtut tal-Baħar il-Kbir sa biswit il-Libanu, il-Ħittin, l-Amurrin, il-Kangħanin, il-Periżżin, il-Ħiwwin u l-Ġebusin,

2 ingħaqdu u ftiehmu biex jitqabdu ma' Ġożwè u ma' Iżrael ilkoll flimkien.

3 Imma n-nies ta' Gibgħon malli semgħu x'kien għamel Ġożwè lil Ġeriko u lil Għaj,

4 inqdew bil-ħażen ta' moħħhom. Telqu u ħadu provvisti għat-triq fi ġwielaq qodma, u għabbewhom fuq il-ħmir tagħhom, u nbid fi żquq qodma, imqattgħin u mraqqgħin.

5 F'riġlejhom kellhom qrieq qodma u mraqqgħin, u fuqhom ilbies qadim, u l-ħobż għat-triq niexef u mqarqaċ.

6 U marru għand Ġożwè fil-kamp f'Gilgal, u qalu lilu u lill-Iżraelin: "Aħna ġejjin minn art imbiegħda, u issa ħa nagħmlu patt bejnietna."

7 U l-Iżraelin wieġbu lill-Ħiwwin: "Għandu mnejn intom tgħammru f'nofsna, u kif nistgħu nagħmlu patt magħkom?"

8 U huma wieġbu lil Ġożwè: "Aħna qaddejja tiegħek." U Ġożwè staqsiehom: "Min intom, u mnejn ġejjin?"

9 U qalulu: "Aħna qaddejja tiegħek ġejjin minn art imbiegħda ħafna, u ġejna minħabba l-fama tal-Mulej, Alla tiegħek, għax smajna b'kulma għamel fl-Eġittu;

10 u b'kulma għamel liż-żewġ slaten Amurrin in-naħa l-oħra tal-Ġordan, lil Siħon, is-sultan ta' Ħesbon, u lil Għog, sultan ta' Basan, f'Għastarot.

11 U qalulna x-xjuħ tagħna u n-nies li jgħammru f'artna: 'Ħudu l-ikel għat-triq u morru ltaqgħu magħhom u għidulhom: Qaddejja tagħkom aħna, u issa agħmlu patt magħna.

12 Dan il-ħobż li għandna ħadnieh sħun minn djarna meta ħriġna biex niġu għandkom, u issa bbies u tqarqaċ.

13 U dawn iz-zquq tal-inbid kienu ġodda meta mlejniehom, u issa tqattgħu; u lbiesna u qrieqna qdiemu minħabba t-tul tat-triq.' "

14 Il-kapijiet ħadu mill-ikel tagħhom bla ma fittxew x'kellu xi jgħid il-Mulej.

15 U Ġożwè għamel il-paċi magħhom u għamel patt magħhom li jħallihom ħajjin; u ħalfulhom il-kbarat tal-ġemgħa.

16 Tlitt ijiem wara li għamlu l-patt magħhom, semgħu li dawn kienu ġirien tagħhom u kienu joqogħdu f'nofshom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[17]Għalhekk ulied Iżrael telqu u fi tlitt ijiem waslu fi bliethom, li kienu: Gibgħon,
Kefira, Birot, Kirjat-ġegħarim.

[18]U wlied Iżrael ma qerduhomx, għaliex il-kapijiet tal-poplu kienu ħalfulhom bil-
Mulej, Alla ta' Iżrael. Iżda l-ġemgħa kollha gergret għalihom:

[19]u l-kapijiet kollha wieġbu lill-ġemgħa: "Aħna ħlifnielhom bil-Mulej, Alla ta'
Iżrael, u issa ma nistgħux immissuhom.

[20]Ara x'nagħmlu: inħalluhom jgħixu biex ma taqax fuqna l-korla ta' Alla,
minħabba l-ħalfa li ħlifnielhom.

[21]Ħa jibqgħu ħajjin, imma nġagħluhom jaqtgħu l-ħatab u jġorru l-ilma għall-
poplu kollu." Il-poplu qabel li jagħmlu kif qalulhom il-kapijiet.

[22]Imbagħad Ġożwè sejħilhom, kellimhom u qalilhom: "Għaliex dħaktu bina u
għedtulna: 'Aħna ġejjin mill-bogħod ħafna minnkom, meta intom tgħammru
fostna?'

[23]Issa misħutin intom, ma jonqos qatt minn fostkom l-ilsir, u min jaqta' l-ħatab
u jġorr l-ilma għad-dar ta' Alla tiegħi."

[24]U huma wieġbu lil Ġożwè: "Lill-qaddejja tiegħek qalulhom x'kien ordna l-Mulej
lil Mosè, il-qaddej tiegħu, li kellu jagħtikom l-art kollha, u li jeqred minn
quddiemkom in-nies kollha li jgħammru fiha; u aħna bżajna ħafna għal ħajjitna
u għamilna li għamilna.

[25]U issa hawn aħna f'idek. Agħmel minna dak li jidhirlek li hu sewwa u xieraq."

[26]Hekk għamel magħhom Ġożwè; u ħelishom minn idejn ulied Iżrael u ma
qatluhomx.

[27]Qabbadhom Ġożwè dak in-nhar jaqtgħu l-injam u jtellgħu l-ilma għall-ġemgħa
u għall-artal tal-Mulej fil-post li jkun għażel, u għadhom hekk sal-lum.

## Ġożwè 10

### Battalja f'Gibgħon

[1]Ġara li malli Adonisedek, is-sultan ta' Ġerusalemm, sama' li Ġożwè kien qabad
Għaj, u qeridha, u bħalma għamel lil Ġeriko u s-sultan tagħha, hekk għamel lil
Għaj u lis-sultan tagħha; u li n-nies ta' Gibgħon għamlu paċi mal-Iżraelin u
baqgħu jgħammru fosthom,

[2]qabdu biża' kbir, għax Gibgħon kienet belt kbira, bħal waħda mill-ibliet tas-
slaten, u kienet akbar minn Għaj, u niesha nies qalbiena.

[3]Għalhekk Adonisedek, sultan ta' Ġerusalemm, bagħat jgħid lil Hoħam, is-sultan
ta' Hebron, lil Piram, is-sultan ta' Ġarmut, u lil Ġafigħa, is-sultan ta' Lakis, u lil
Debir, is-sultan ta' Għeglon:

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

4 “Itilgħu ħdejja u għinuni ħa naħbtu għal Gibgħon, għax ftiehmu u għamlu paċi ma’ Ġożwè u ma’ wlied Iżrael.”

5 U ftiehmu u telgħu l-ħames slaten tal-Amurrin - is-sultan ta’ Ġerusalemm, is-sultan ta’ Ħebron, is-sultan ta’ Ġarmut, is-sultan ta’ Lakis, is-sultan ta’ Għeglon, huma u l-eżerċti kollha tagħhom, u waqqfu l-kamp madwar Gibgħon u ħabtu għaliha.

6 In-nies ta’ Gibgħon bagħtu jgħidu lil Ġożwè fil-kamp f’Gilgal: “La twarrabx idek minn fuq il-qaddejja tiegħek: itla’ għandna malajr, eħlisna u għinna għax is-slaten kollha tal-Amurrin, li jgħammru fl-għoljiet, ngħaqdu kontrina lkoll.”

7 U Ġożwè tala’ minn Gilgal bin-nies kollha tal-ġlied miegħu, u l-irġiel qalbiena kollha.

8 U l-Mulej qal lil Ġożwè: “La tibżax minnhom għax nerħihom f’idejk; ebda bniedem minnhom ma jiqaflek.”

9 U Ġożwè mar għalihom minnufih; dam il-lejl kollu tiela’ minn Gilgal.

10 U l-Mulej ħawwadhom quddiem Iżrael, u dawn tawhom xebgħa kbira f’Gibgħon u għamlu għal warajhom tul it-triq li titla’ għal Betħoron u baqgħu jagħtuhom sa Għażeka u Makkeda.

11 Ġara li huma u jaħirbu minn quddiem Iżrael, kif kienu fin-niżla ta’ Betħoron, il-Mulej waddab fuqhom ġebel kbir mis-smewwiet sa Għażeka. Mietu aktar bil-ġebel tas-silġ milli wlied Iżrael qatlu bix-xabla.

12 Imbagħad Ġożwè kellem lill-Mulej, dak in-nhar li l-Mulej telaq l-Amurrin quddiem ulied Iżrael, u qal quddiem Iżrael: “Ieqaf, xemx, fuq Gibgħon; Ieqaf, qamar, fuq wied Ajjalon.”

13 U waqfet ix-xemx, u waqaf il-qamar, sakemm tħallas il-poplu mill-għedewwa tiegħu. Mhux hekk hemm miktub fi Ktieb il-Ġust? U x-xemx waqfet f’nofs is-smewwiet, u ma għaġġlitx tinżel għal jum sħiħ.

14 U qatt ma kien hemm jum bħalu, la qabel u lanqas wara, li fih il-Mulej sama’ mill-kelma ta’ bniedem; għax il-Mulej kien jitqabad għal Iżrael.

15 Imbagħad Ġożwè u l-Iżraelin kollha reġgħu lura lejn il-kamp f’Gilgal.

16 Dawk il-ħames slaten ħarbu u nħbew f’għar f’Makkeda.

17 U għarrfu lil Ġożwè u qalulu: “Sibna lill-ħames slaten moħbija f’għar f’Makkeda.”

18 U Ġożwè qalilhom: “Gerbu ġebel kbir f’daħlet l-għar u qiegħdu xi rġiel għassa tagħhom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

19 Imma intom tiqfux, iżda ibqgħu sejrin wara l-għedewwa tagħkom, ħuduhom minn wara, u tħalluhomx jidħlu fi bliethom, għax il-Mulej, Alla tagħkom, telaqhom f'idejkom."

20 U ġara li meta Ġożwè u wlied Iżrael temmew ix-xebgħa kbira li tawhom sa ma qerduhom għalkollox, barra minn xi ftit li ħarbu u sabu l-kenn fi bliet magħluqa bis-swar,

21 il-poplu kollu raġa' lura fil-kamp għand Ġożwè f'Makkeda, qawwi u sħiħ. Hadd ma ssogra jlissen kelma kontra wlied Iżrael.

22 U Ġożwè ordna: "Iftħu bieb il-għar, u oħorġuli dawk il-ħames slaten mill-għar."

23 U hekk għamlu, u ġabulu dawk il-ħames slaten mill-għar: is-sultan ta' Ġerusalemm, is-sultan ta' Hebron, is-sultan ta' Ġarmut, is-sultan ta' Lakis u s-sultan ta' Għeglon.

24 Meta ġiebu lil dawk is-slaten quddiem Ġożwè, sejjaħ Ġożwè lill-Iżraelin kollha, u qal lill-kapijiet tan-nies tal-gwerra li kienu marru miegħu: "Ersqu 'l hawn, u qiegħdu riġlejkom fuq għonq dawn is-slaten." U resqu u qiegħdu riġlejhom fuq għonqhom.

25 U Ġożwè qalilhom: "La tibżgħux u la taqtgħux qalbkom. Agħmlu l-ħila u qawwu qalbkom, għax hekk jagħmel il-Mulej lill-għedewwa kollha tagħkom, li magħhom intom għandkom titqabdu."

26 Imbagħad Ġożwè darabhom, u qatilhom, u dendilhom ma' ħames siġriet, u baqgħu mdendla mas-siġar sa filgħaxija.

27 Ma' nżul ix-xemx Ġożwè ordna li jniżżluhom mis-siġar, u xeħtuhom fl-għar fejn kienu nħbew u għalqu d-daħla b'ġebel kbir, u għadhom hemm sal-lum.

**Jaqgħu sitt ibliet**

28 Dak in-nhar stess Ġożwè rebaħ il-belt ta' Makkeda u għaddieha minn xifer ix-xabla, lilha u lis-sultan tagħha, u qeridha b'kull min kien hemm fiha bla ma ħadd ħelisha; u lis-sultan ta' Makkeda għamillu bħalma kien għamel lis-sultan ta' Ġeriko.

29 Imbagħad Ġożwè u l-Iżraelin kollha miegħu għaddew minn Makkeda għal Libna u ħabtu għaliha.

30 U l-Mulej erħieha wkoll f'id Iżrael bis-sultan tagħha; u darab b'xifer ix-xabla lilha u lil kull min kien hemm fiha bla ma ħalla 'l ħadd minnhom ħaj. U lis-sultan tagħha għamillu bħalma kien għamel lis-sultan ta' Ġeriko.

31 U għadda Ġożwè u l-Iżraelin kollha miegħu minn Libna għal Lakis, waqqaf il-kamp madwarha, u ħabat għaliha.


© 2020 Malta Bible Society.

32 U l-Mulej reħa lil Lakis f'idejn Iżrael, u dan rebaħha fit-tieni jum u għadda minn xifer ix-xabla lilha u 'l kull min kien fiha; għamlilha kollox bħalma kien għamel lil Libna.

33 Frattant Horam, sultan ta' Geżer, tala' jgħin lil Lakis, u Ġożwè ħabat għalih u n-nies tiegħu sakemm ma ħalla 'l ħadd minnhom ħaj.

34 Imbagħad Ġożwè u n-nies tiegħu għaddew minn Lakis għal Għeglon; u waqqfu l-kamp madwarha u ħabtu għaliha.

35 Qabduha dak in-nhar stess, u għaddewha minn xifer ix-xabla, u qerdu 'l kull min kien hemm fiha dak in-nhar, kollox bħal ma kienu għamlu lil Lakis.

36 U tala' Ġożwè b'Iżrael kollu miegħu minn Għeglon għal Hebron u ħabtu għaliha.

37 Qabduha u għaddewha minn xifer ix-xabla, lilha u lis-sultan tagħha, u l-ibliet kollha u n-nies kollha li kien hemm fiha u ma ħalla lil ħadd jeħles; kollox bħalma kien għamel lil Għeglon, qered lilha u 'l kull min kien hemm fiha.

38 Imbagħad Ġożwè u Iżrael kollu miegħu dar għal Debir, u ħabat għaliha.

39 U rebaħha, lilha u s-sultan tagħha, u l-ibliet kollha tagħha għaddiehom minn xifer ix-xabla, u qered lil kull min kien hemm fiha, u ma ħalla 'l ħadd li kien hemm fiha jeħles ħaj; bħalma għamel lil Hebron, hekk għamel lil Debir u s-sultan tagħha.

40 Ġożwè rebaħ l-art kollha - il-muntanji, in-Negeb, is-Sefela, bix-xaqliba tagħhom - u s-slaten kollha tagħhom. Ma ħalla 'l ħadd jeħles, u qered kulma kien jieħu n-nifs, bħalma kien ordna l-Mulej, Alla ta' Iżrael.

41 Ġożwè rebaħhom minn Kades-barnigħa sa Gaża, u l-art kollha ta' Gosen sa Gibgħon.

42 Rebaħ Ġożwè lil dawn is-slaten kollha, u artijiethom f'salt wieħed, għax il-Mulej, Alla ta' Iżrael, tqabad għal Iżrael.

43 U Ġożwè b'Iżrael kollu miegħu raġa' lura fil-kamp f'Gilgal.

## Ġożwè 11

### Ir-rebħa fuq in-naħa tat-Tramuntana

1 Malli Ġabin, is-sultan ta' Hasor, sama' b'dan kollu, bagħat messaġġiera għand Ġobab, sultan ta' Madon,

2 u għand is-sultan ta' Simron u s-sultan ta' Aksaf, u għand is-slaten li kienu jgħammru fit-Tramuntana fil-muntanji, fl-Għaraba 'l isfel minn Kinneret u fis-Sefela u Nafat-dor fuq il-Punent;

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

3 u għand il-Kangħanin tal-Lvant u tal-Punent, l-Amurrin, il-Hittin, il-Periżżin, il-Ġebusin ta’ fuq il-muntanji, u l-Hiwwin ta’ taħt il-Hermon f’art Mispa.

4 Dawn kollha ħarġu flimkien bil-qtajja’ kollha tagħhom, poplu kotran bħar-ramel f’xatt il-baħar, u żwiemel u mriekeb bla għadd.

5 U ftiehmu u ltaqgħu dawn is-slaten kollha, u ġew u waqqfu l-kamp ħdejn l-ilma ta’ Merom biex jitqabdu ma’ Iżrael.

6 U l-Mulej qal lil Ġożwè: “La tibżax minnhom, għax sa għada bħal dan il-ħin jien nerħihom mejta lkoll f’idejn Iżrael, iż-żwiemel tagħhom taqtgħalhom l-għeruq ta’ riġlejhom u l-imriekeb tagħhom tagħtihom in-nar.”

7 U Ġożwè u n-nies kollha tal-għlied tiegħu marru għalihom ħdejn l-ilma ta’ Merom, u nxteħtu għal fuqhom għal għarrieda.

8 U l-Mulej telaqhom f’idejn Iżrael, u tawhom xebgħa, u għamlu għal warajhom sa Sidon il-Kbira u sa Mixrefotmajm u l-wied ta’ Mispa fil-Lvant. U baqgħu jagħtuhom sakemm ma ħallew lil ħadd jeħles.

9 U Ġożwè għamlilhom bħalma kien ordnalu l-Mulej: iż-żwiemel tagħhom qatgħalhom l-għeruq ta’ riġlejhom u l-imriekeb tahom in-nar.

10 Imbagħad Ġożwè dar lura għal Hasor, u rebaħ il-belt ta’ Hasor u s-sultan tagħha, u darabhom bix-xabla, għax Hasor qabel kienet il-belt ewlenija fuq dawn is-saltniet kollha.

11 U qatlu b’xifer ix-xabla n-nies kollha li kien hemm fiha u qerduhom; u xejn ma ħalla jgħix, u ’l Hasor taha n-nar.

12 U l-ibliet kollha ta’ dawk is-slaten u s-slaten kollha tagħhom qabadhom Ġożwè, u għaddiehom minn xifer ix-xabla, u qeridhom bħalma kien ordna Mosè, il-qaddej tal-Mulej.

13 Biss l-ibliet kollha li kienu fuq l-għoljiet tagħhom Iżrael ma ħaraqhomx; Ġożwè ħaraq biss lil Hasor weħidha.

14 Ulied Iżrael żammu għalihom il-priża kollha, u l-bhejjem ta’ dawn l-ibliet; iżda n-nies qatluhom kollha b’xifer ix-xabla sakemm qerduhom: u xejn ma ħallew jgħix.

15 Kif kien ordna l-Mulej lil Mosè, il-qaddej tiegħu, hekk ordna Mosè lil Ġożwè u hekk għamel Ġożwè; ma ħalla xejn minn dak li kien ordna l-Mulej lil Mosè.

16 U Ġożwè ħa f’idejh din l-art kollha; il-muntanji u n-Negeb kollu, l-art kollha ta’ Gosen, is-Sefela u l-Għaraba, il-muntanja ta’ Iżrael u l-witat tiegħu,

17 mill-muntanja ta’ Halak li tieħu lejn Xegħir sa Bagħal-gad, u sal-wied tal-Libanu taħt il-muntanja tal-Hermon. Qabad is-slaten kollha tagħhom, darabhom u qatilhom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

18Għal żmien twil dam Ġożwè jitqabad ma' dawn is-slaten.

19Ebda waħda minn dawk l-ibliet ma ftiehmet ma' Iżrael; barra mill-Ħiwwin, li
jgħammru f'Gibgħon, kollha ħaduhom bil-ġlied.

20Kienet ġejja mill-Mulej li jwebbsu qalbhom u jagħmlu gwerra lil Iżrael, sabiex
jinqerdu u ma jkunx hemm ħniena għalihom; u b'hekk jinqerdu bħalma kien
ordna l-Mulej lil Mosè.

### Il-qerda tal-Għanakin

21Dak iż-żmien Ġożwè mar u qered l-Għanakin mill-muntanji, minn Ħebron,
minn Debir, minn Għanab, mill-muntanji kollha ta' Ġuda u mill-muntanji kollha
ta' Iżrael, għamel qerda minnhom u minn bliethom.

22L-Għanakin ma baqgħux iżjed fl-art ta' wlied Iżrael, imma baqgħu biss f'Gaża,
f'Gatt u f'Asdod.

23Ġożwè ħa f'idejh l-art kollha skont ma kien qal il-Mulej lil Mosè; u qassamha
b'wirt lill-Iżraelin, skont it-taqsima u t-tribujiet tagħhom. U strieħet l-art mill-
gwerra.

## Ġożwè 12

### Is-slaten mirbuħa minn Mosè

1Dawn huma s-slaten tal-art li rebħuhom ulied Iżrael u wirtu arthom in-naħa l-
oħra tal-Ġordan, lejn tlugħ ix-xemx, mix-xmara Arnon sal-muntanja tal-Ħermon,

2u l-Għaraba kollha n-naħa tal-Lvant: Siħon, sultan tal-Amurrin, li kien
jgħammar f'Ħesbon, kien jaħkem minn Għarogħer, li taħbat f'tarf il-wied tal-
Arnon, u l-belt li hemm f'nofs il-wied u fuq nofs Gilgħad sa wied Ġabbok, truf l-
art ta' wlied Għammon,

3u l-Għaraba sal-baħar ta' Kinneret lejn il-Lvant, sal-Baħar tal-Għaraba, il-Baħar
il-Mielaħ, lejn il-Lvant fit-triq ta' Betġesimot, lejn in-Nofsinhar taħt ix-xaqliba ta'
Pisga.

4U t-territorju ta' Għog, is-sultan ta' Basan, li kien fadal mir-Refajin, li kien
joqgħod f'Għastarot u f'Edrej,

5u kien jaħkem fuq il-muntanja tal-Ħermon, u fuq Salka, u fuq Basan kollu sal-
fruntiera tal-Gesurin u tal-Magħkatin, u fuq nofs Gilgħad f'tarf l-art ta' Siħon
sultan ta' Hebson.

6Lil dawn qatluhom Mosè, il-qaddej tal-Mulej, u wlied Iżrael; u Mosè, il-qaddej
tal-Mulej, ta 'l arthom b'wirt lir-Rubenin, lill-Gadin u lil nofs it-tribù ta' Manassi.

### Is-slaten mirbuħa minn Ġożwè


© 2020 Malta Bible Society.

7 Din hi l-lista tas-slaten tal-art li rebaħ Ġożwè u wlied Iżrael in-naħa l-oħra tal-Ġordan fuq il-Punent, minn Bagħal-gad fil-wied tal-Libanu sal-muntanja Ħalak li tieħu għal Xegħir. U ta din l-art Ġożwè lit-tribujiet ta' Iżrael skont it-taqsim tagħhom

8 fil-muntanji, fis-Sefela, fl-Għaraba, fix-xaqlibiet tagħhom, u fid-deżert u fin-Negeb, l-artijiet tal-Ħittin, tal-Amurrin, tal-Kangħanin, tal-Periżżin, tal-Ħiwwin u tal-Ġebusin.

9 Is-slaten kienu dawn: is-sultan ta' Ġeriko, is-sultan ta' Għaj ħdejn Betel;

10 is-sultan ta' Ġerusalemm, is-sultan ta' Hebron,

11 is-sultan ta' Ġarmut, is-sultan ta' Lakis,

12 is-sultan ta' Għeglon, is-sultan ta' Geżer,

13 is-sultan ta' Debir, is-sultan ta' Geder,

14 is-sultan ta' Ħorma, is-sultan ta' Għarad,

15 is-sultan ta' Libna, is-sultan ta' Għadullam,

16 is-sultan ta' Makkeda, is-sultan ta' Betel,

17 is-sultan ta' Taffuħa, is-sultan ta' Ħafer,

18 is-sultan ta' Afek, is-sultan ta' Lassaron,

19 is-sultan ta' Madon, is-sultan ta' Ħasor,

20 is-sultan ta' Simron-merun, is-sultan ta' Aksaf,

21 is-sultan ta' Tagħnak, is-sultan Megiddu,

22 u s-sultan ta' Kedes, is-sultan ta' Ġoknegħam fil-Karmel,

23 is-sultan ta' Dor f'Nafat-dor, is-sultan ta' Gojim f'Gilgal,

24 is-sultan ta' Tirsa - wieħed u tletin sultan b'kollox.

## Ġożwè 13

### Il-qsim ta' art Kangħan: Sehem Ruben, Gad u nofs it-tribù ta' Manassi

1 Meta Ġożwè kien xjieħ u daħal fiż-żmien, il-Mulej qallu: "Inti xjeħt u dħalt fiż-żmien, u għad fadal biċċa kbira mill-art x'tittieħed.

2 Din hi l-art li għad baqa': l-inħawi kollha tal-Filistin u l-Gesurin kollha,

3 minn Siħor fuq il-Lvant tal-Eġittu sat-trufijiet ta' Għekron fit-Tramuntana; l-art tal-Kangħanin f'idejn il-ħames prinċpijiet tal-Filistin ta' Gaża, Asdod, Askelon, Gatt u Għekron; l-inħawi tal-Għawwin


© 2020 Malta Bible Society.

4fin-Nofsinhar, l-art kollha tal-Kangħanin mill-Għerien ta’ Sidon sa Afeka sal-fruntiera tal-Amurrin;

5l-art tal-Giblin u l-Libanu kollu, lejn tlugħ ix-xemx minn Bagħal-gad taħt il-muntanja tal-Ħermon sad-daħla ta’ Ħamat.

6Dawk kollha li jgħammru fil-muntanji tal-Libanu sa Mixrefotmajm, is-Sidonin kollha, jien inkeċċihom minn quddiem ulied Iżrael; iżda qassamha lil Iżrael b’wirt bħalma ordnajtlek.

7Mela issa qassam l-art b’wirt lid-disa’ tribujiet, u nofs it-tribù ta’ Manassi.

8Miegħu kienu ħadu sehemhom ir-Rubenin u l-Gadin, li kien tahom Mosè, qaddej tal-Mulej, in-naħa l-oħra tal-Ġordan, in-naħa tal-Lvant bħalma kien tahom Mosè il-qaddej tal-Mulej:

9minn Għarogħer li qiegħda max-xatt tax-xmara Arnon u l-belt li qiegħda f’nofs il-wied u l-wita kollha ta’ Medeba sa Dibon;

10u l-ibliet kollha ta’ Siħon, sultan tal-Amurrin, li kien isaltan f’Ħesbon sat-trufijiet ta’ wlied Għammon.

11U Gilgħad, u l-inħawi tal-Gesurin u l-Magħkatin u l-muntanji kollha tal-Ħermon u Basan kollu sa Salka;

12is-saltna kollha ta’ Għog f’Basan, li kien isaltan f’Astarot u f’Edregħi, il-fdal tar-Refajin, u rebaħhom Mosè u keċċiehom.

13Imma wlied Iżrael ma rnexxilhomx ikeċċu l-Gesurin u l-Magħkatin, u baqgħu jgħammru f’Gesur u f’Magħkat f’nofs Iżrael sal-lum.

14Iżda lit-tribù ta’ Levi ma tahomx sehem; sehmu hu mis-sagrifiċċji tal-Mulej Alla, Alla ta’ Iżrael, bħalma kien qallu.

15Mosè ta sehem lil ulied Ruben skont il-familji tagħhom.

16U l-limiti tagħhom kienu minn Għarogħer li tinsab fuq f’tarf il-wied tal-Arnon u l-belt f’nofs il-wied u l-wita kollha sa Medeba,

17Ħesbon u l-bliet kollha tagħha fil-wita ta’ Dibon, Bamot-bagħal, Bet-bagħal-megħon,

18Ġaħsa, Kedemot, Mefagħat,

19Kirjatajm, Sibma, Żaret-saħar, fl-għolja tal-wied.

20U Bet-pegħor għal taħt ix-xaqliba ta’ Pisga u Betġesimot.

21U l-ibliet kollha tal-wita u s-saltna kollha ta’ Siħon, is-sultan tal-Amurrin li kien isaltan f’Ħesbon li għelbu Mosè, lilu u l-prinċpijiet ta’ Midjan, Ewi u Rekem u Sur u Ħur u Reba, prinċpijiet ta’ Siħon, li kienu jgħammru f’din l-art.


© 2020 Malta Bible Society.

22U 'l Balgħam bin Begħor, is-saħħar, ulied Iżrael qatluh bix-xabla mal-bqija li
qatlu.

23L-art tar-Rubenin kienet twassal sal-Ġordan; dan hu sehem ir-Rubenin bil-
familji tagħhom, l-ibliet bl-irħula tagħhom.

24Mosè ta wkoll sehem lit-tribù ta' wlied Gad bil-familji tagħhom.

25Din kienet l-art li messithom: Ġagħżer u l-ibliet kollha ta' Gilgħad u nofs l-art
ta' wlied Għammon sa Għarogħer fil-Lvant ta' Rabba,

26u minn Hesbon sa Ramat-misfe u Betunim u minn Maħanajm sal-limiti ta'
Lodebar;

27kien fiha l-wied ta' Bet-ħaram u Bet-nimra u Sukkot u Safon, u l-bqija tas-saltna
ta' Siħon, is-sultan ta' Hesbon; il-Ġordan kien il-limiti sa tarf il-baħar ta' Kinneret
fil-Lvant tal-Ġordan.

28Dan kien sehem ulied Gad bil-familji tagħhom, l-ibliet u l-irħula tagħhom.

29Mosè ta sehem ukoll lil ulied nofs it-tribù ta' Manassi skont il-familji tagħhom.

30U l-medda tal-art tagħhom kienet minn Maħanajm, il-Basan kollu, is-saltna
kollha ta' Għog, sultan ta' Basan, u l-irħula kollha ta' Ġajir f'Basan, sittin belt.

31Nofs Gilgħad u Għastarot u Edregħi, l-ibliet ewlenin ta' Għog f'Basan, ingħataw
lil ulied Makir bin Manassi, jiġifieri lil nofs ulied Makir skont il-familji tagħhom.

32Dawn huma l-ishma li qassam Mosè fil-wita ta' Mowab, in-naħa l-oħra tal-
Ġordan fil-Lvant biswit Ġeriko.

33Lit-tribù ta' Levi ma tah ebda sehem; il-Mulej, Alla ta' Iżrael, hu sehemhom,
bħalma kien qalilhom.

## Ġożwè 14

### Sehem it-tribujiet l-oħra

1Dan hu li ħadu wlied Iżrael f'art Kangħan, u li qassmulhom Elgħażar il-qassis, u
Ġożwè bin Nun, u l-kapijiet tad-djar tat-tribujiet lil ulied Iżrael.

2Qassmuhielhom bix-xorti bħalma kien ordna l-Mulej permezz ta' Mosè lid-disa'
tribujiet u nofs,

3għax Mosè kien ġa ta sehem liż-żewġ tribujiet u nofs in-naħa l-oħra tal-Ġordan;
u l-Leviti ma tahomx sehem f'nofshom.

4Iż-żewġ ulied ta' Ġużeppi, Manassi u Efrajm, kienu jagħmlu żewġ tribujiet. U ma
tawx sehem lil-Leviti fl-art ħlief bliet fejn jgħammru u mergħat madwarhom
għall-imrieħel u l-ġid li jkollhom.


© 2020 Malta Bible Society.

[5]Ulied Iżrael għamlu bħalma kien ordna l-Mulej lil Mosè, u qassmu l-art.

### Sehem Kaleb

[6]Ulied Ġuda resqu lejn Ġożwè f'Gilgal, u Kaleb bin Ġefunni il-Kenażi qallu: "Int taf x'kien qal il-Mulej lil Mosè, il-bniedem ta' Alla, għalija u għalik f'Kades-barnigħa.

[7]Jien kelli erbgħin sena meta Mosè, il-qaddej tal-Mulej, bagħatni minn Kades-barnigħa biex nitkixxef l-art, u jien wassaltlu l-aħbar li kelli f'qalbi.

[8]Huti li telgħu miegħi qatgħu qalb il-poplu, imma jien bqajt fidil lejn il-Mulej, Alla tiegħi.

[9]U Mosè dak in-nhar ħalef u qalli: 'L-art li rifes riġlek fuqha tkun wirtek, u sehem uliedek għal dejjem, għax int bqajt fidil lejn il-Mulej, Alla tiegħi.'

[10]U issa, ara, il-Mulej żammni ħaj, bħalma kien qal, għal dawn il-ħamsa u erbgħin sena, minn mindu l-Mulej qal dan il-kliem lil Mosè, meta Iżrael kien jiġġerra fid-deżert. Illum jien għandi ħamsa u tmenin sena.

[11]Għadni llum qawwi bħal meta bagħatni Mosè. Bħalma kienet saħħti dakinhar, hekk għadha llum, sew biex noħroġ għall-ġlied sew biex nerġa' lura.

[12]Mela agħtini issa din il-muntanja li minnha tkellem il-Mulej dakinhar; inti stess smajt dakinhar u taf li hemm jgħammru l-Għanakin fi bliet kbar u mdawra bis-swar. Għandu mnejn il-Mulej ikun miegħi u nkeċċihom bħalma wegħedni l-Mulej."

[13]U Ġożwè bierku u ta Hebron lil Kaleb bin Ġefunni biex tkun sehmu.

[14]Għalhekk Hebron saret sehem Kaleb bin Ġefunni il-Kenażi sal-lum, għaliex baqa' fidil lejn il-Mulej, Alla ta' Iżrael.

[15]Hebron qabel kien jisimha Kirjat-arba. Dan Arba kien il-kbir fost l-Għanakin. U l-art strieħet mill-gwerra.

## Ġożwè 15

### Sehem it-tribù ta' Ġuda

[1]U x-xorti waqgħet fuq it-tribù ta' wlied Ġuda, skont il-familji tagħhom, u messithom l-art in-naħa ta' Edom fid-deżert ta' Sin, fit-tarf tan-Negeb.

[2]Il-limiti tan-naħa tan-Nofsinhar kienu jibdew minn tarf il-Baħar il-Mielaħ, mill-ilsien li jdur lejn in-Nofsinhar,

[3]u joħorġu lejn in-Nofsinhar għat-telgħa ta' Għakrabbim u jgħaddu minn Sin, u jitilgħu min-Negeb għal Kades-barnigħa, imbagħad jgħaddu minn Hesron, jitilgħu lejn Addar u jilwu lejn Karka,


© 2020 Malta Bible Society.

4jgħaddu minn Għasmon u jibqgħu sejrin sal-wied tal-Eġittu u jispiċċaw f'xifer il-baħar. Dawn huma l-limiti tagħkom tan-Nofsinhar.

5Fuq il-Lvant imbagħad kien hemm il-Baħar il-Mielaħ sa fomm il-Ġordan. Il-limiti tat-Tramuntana jibdew minn ilsien il-baħar f'fomm il-Ġordan,

6u jitilgħu sa Bet-ħogla, jgħaddu min-naħa tat-Tramuntana ta' Bet-għaraba, u jibqgħu telgħin sal-ħaġra ta' Boħan bin Ruben.

7U mbagħad jitilgħu f'Debir mill-wied ta' Għakor, jilwu lejn it-Tramuntana ta' Gilgal, biswit it-telgħa ta' Adummim, in-naħa tan-Nofsinhar tal-wied; jgħaddu minn ħdejn l-ilma ta' Għajn-xemex, u jieħdu sa Għajn-rogel.

8Imbagħad dawn il-limiti jitilgħu sal-wied ta' Bet-ħinnom lejn in-naħa tal-Ġebusin, min-naħa tan-Nofsinhar, jiġifieri Ġerusalemm, mnejn jibqgħu sejrin fuq ras l-għolja li taħbat biswit il-wied ta' Hinnom fuq il-Punent, fit-tarf tat-Tramuntana tal-wita ta' Refajin.

9Mill-quċċata tal-għolja l-limiti kienu jilwu lejn l-għajn tal-ilma ta' Neftuħa u jibqgħu sejrin lejn l-ibliet tal-muntanja Għefron, jilwu lejn Bagħala, li hi Kirjat-ġegħarim,

10u minn Bagħala ddur lejn il-Punent, lejn il-muntanja ta' Xegħir, jgħaddu ma' ġenb il-muntanja ta' Ġegħarim, fuq it-Tramuntana ta' Kesalon, jinżlu għal Betxemex, u jgħaddu għal Timna;

11imbagħad joħorġu lejn in-naħa tat-Tramuntana tax-xagħra ta' Għekron, jilwu lejn Sikkeron, jgħaddu mill-muntanja ta' Bagħala u jieħdu sa Ġabnel, u jispiċċaw f'tarf il-baħar;

12u l-limiti tal-Punent ikun il-Baħar il-Kbir bix-xtut tiegħu. Dawn huma l-limiti dawramejt ta' wlied Ġuda skont il-familji tagħhom.

13Lil Kaleb bin Ġefunni tawh sehem f'nofs ulied Ġuda, skont ma kien ordna l-Mulej lil Ġożwè, jiġifieri, Kirjat-arba, li hi Hebron; Arba kien missier Għanak.

14Kaleb keċċa minn hemm it-tliet ulied ta' Għanak; Sesaj, Aħiman u Talmaj, ulied Għanak.

15U tala' minn hemm għal dawk li jgħammru f'Debir; u Debir kien jisimha qabel Kirjat-sefer.

16U Kaleb qal: "Min jaħbat għal Kirjat-sefer u jeħodha, nagħtih lil binti Għaksa b'martu."

17U ħadha Għotnijel bin Kenaż, ħu Kaleb, u dan tah 'il bintu Għaksa b'martu."

18Hi u sejra ġagħlitu jitlob għalqa lil missierha; qabżet minn fuq il-ħmar u Kaleb staqsieha: "Xi ġralek?"

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

19U hi wieġbet: "Agħtini xi rigal għax art niexfa kulma tajtni, agħtini għallinqas
għajn ta' ilma." U taha l-għejun ta' fuq u l-għejun ta' isfel.

20Dan kien sehem it-tribù ta' wlied Ġuda skont il-familji tagħhom.

21L-ibliet tat-tribù ta' wlied Ġuda, in-naħa tal-fruntiera ta' Edom fin-Negeb,
kienu dawn: Kabsel, Għeder, Ġagur,

22Kina, Dimona, Għadgħada,

23Kedes, Ħasor, Ġitnan,

24Żif, Telem, Begħalot,

25Ħasor-ħadatta, Kirjot-ħesron, li hi Ħasor,

26Amam, Sema, Molada,

27Ħasar-gadda, Ħesmon, Bet-pelet,

28Ħasar-sugħal, Birsaba, Biżjotija,

29Bagħala, Għajjim, Għesam,

30Eltolad, Kesil, Ħorma,

31Siklag, Madmanna, Sansanna,

32Lebawot, Silħim, Għajn u Rimmon; b'kollox disgħa u għoxrin belt bl-irħula
tagħhom.

33Fis-Sefela mbagħad kien hemm dawn: Estawol, Sorgħa, Asna,

34Żanuħa, Għajn-gannim, Taffuħa, Għenam,

35Ġarmut, Għadullam, Xoku, Għażeka,

36Sagħarajm, Għaditajm, Gedera, u Gederotajm; erbatax-il belt fl-irħula
tagħhom.

37Senan, Ħadasa, Migdal-gad,

38Dilgħan, Misfe, Ġoktel,

39Lakis, Boskat, Għeglon,

40Kabbon, Laħmam, Kitlis,

41Gederot, Betdagon, Nagħma, Makkeda; sittax-il belt bl-irħula tagħhom.

42Libna, Għeter, Għasan,

43Ġiftaħ, Asna, Nesib,

44Kegħila, Akżib u Maresa; disat ibliet bl-irħula tagħhom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

45Għekron u l-ibliet ta’ madwarha bl-irħula tagħha.

46Minn Għekron sal-Baħar, kulma kien hemm maġenb Asdod, bl-irħula tagħhom.

47Asdod u l-ibliet ta’ madwarha bl-irħula tagħha; Gaża u l-ibliet ta’ madwarha u
l-irħula tagħha sal-wied tal-Eġittu u l-Baħar il-Kbir.

48Fuq l-għoljiet: Samir, Ġattir, Xoku,

49Danna, Kirjat-sanna li hi Debir,

50Għanab, Estemu, Għanim,

51Gosen, Ħolon u Gilu; ħdax-il belt bl-irħula tagħhom.

52Arab, Duma, Esgħan,

53Ġanim, Bettaffuħa, Afeka,

54Ħumta, Kirjat-arba, li hi Ħebron, u Sigħor, disat ibliet bl-irħula tagħhom.

55Magħon, Karmel, Żif, Ġutta,

56Ġeżragħel, Ġokdigħam, Żanuħa,

57Kajjin, Gibgħa, Timna; għaxart ibliet bl-irħula tagħhom.

58Ħalħul, Betsur, Gedor,

59Magħrat, Betgħanot u Eltekon; sitt ibliet bl-irħula tagħhom.

60Kirjat-bagħal, li hi Kirjat-ġegħarim, u Rabba; żewġt ibliet bl-irħula tagħhom.

61Fid-deżert: Bet-għarab, Middin, Sekaka,

62Nibsan, Belt il-Melħ u Għajn-geddi; sitt ibliet bl-irħula tagħhom.

63Imma l-Ġebusin, li kienu jgħammru f’Ġerusalemm, ulied Ġuda ma setgħux
ikeċċuhom; u l-Ġebusin u wlied Ġuda baqgħu jgħammru flimkien f’Ġerusalemm
sal-lum.

## Ġożwè 16

### Sehem ulied Ġużeppi

1Din hi x-xorti li messet lil Ġużeppi; il-limiti tiegħu jibdew mill-Ġordan, ħdejn
Ġeriko, in-naħa tal-Lvant tal-ilma ta’ Ġeriko, jitilgħu minn Ġeriko għal fuq l-
għoljiet fid-deżert lejn Betel,

2imbagħad jitilqu minn Betel lejn Luż, jgħaddu għat-truf tal-art tal-Arkin lejn
Għatarot;

3minn hawn jinżlu lejn il-Punent lejn l-art tal-Ġafletin, sa truf Betħoron t’isfel sa
Geżer u jaslu sal-baħar.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

4Dan kien il-wirt li ħadu wlied Ġużeppi, Manassi u Efrajm.

5U l-limiti tal-art ta' wlied Efrajm skont il-familji tagħhom kienu dawn: il-limiti
ta' sehemhom in-naħa tal-Lvant kienu minn Għatarot-addar sa Betħoron ta' fuq,

6imbagħad joħorġu lejn il-baħar, b'Mikmetat fit-Tramuntana, u jibqgħu sejrin
lejn il-Lvant lejn Tanat-silo, u jgħaddu madwarha lejn il-Lvant lejn Ġanuħa;

7jinżlu minn Ġanuħa lejn Għatarot u Nagħra, u jilħqu lil Ġeriko u jaslu sal-
Ġordan.

8U minn Taffuħa jieħdu lejn il-Punent sa Wied Kana, u jispiċċaw f'xifer il-baħar.
Dan hu sehem ulied Efrajm skont il-familji tagħhom.

9Kien hemm ukoll bliet magħżula għal ulied Efrajm f'nofs l-art ta' wlied Manassi:
l-ibliet kollha bl-irħula tagħhom.

10Ma rnexxilhomx ikeċċu l-Kangħanin li kienu jgħammru f'Geżer. Il-Kangħanin
baqgħu jgħammru f'nofs Efrajm sal-lum, u jaħdmu bilfors għalihom.

## Ġożwè 17

### Sehem ulied it-tribù ta' Manassi

1Din hi x-xorti li messet lit-tribù ta' Manassi, għax hu kien il-kbir ta' Ġużeppi.
Makir, il-kbir ta' Manassi, missier Gilgħad, billi kien raġel gwerrier messu
Gilgħad u Basan,

2u l-ulied l-oħra, ukoll ta' Manassi, messhom skont il-familji tagħhom: ulied
Abigħeżer, ulied Helek, ulied Asrijel, ulied Sikem, ulied Hefer, ulied Semida.
Dawn kienu l-ulied subien ta' Manassi bin Ġużeppi skont il-familji tagħhom.

3Imma Selofħad bin Hefer, bin Gilgħad, bin Makir, bin Manassi, ma kellux subien,
imma bniet biss; u dawn il-bniet tiegħu kien jisimhom Maħla, Nogħa, Hegla,
Milka u Tirsa.

4Dawn ġew quddiem Elgħażar il-qassis, u quddiem Ġożwè, u quddiem il-kbarat,
u qalulhom: "Il-Mulej ordna lil Mosè li jagħtina sehem f'nofs ħutna." U tahom
sehem f'nofs ħut missierhom skont ma kien ordna l-Mulej.

5U Manassi messu wkoll għaxar ishma barra mill-art ta' Gilgħad u Basan, in-naħa
l-oħra tal-Ġordan.

6Għax il-bniet ta' Manassi messhom sehem f'nofs uliedu subien; art Gilgħad
messet lill-ulied l-oħra ta' Manassi.

7Il-limiti tal-art ta' Manassi kienu jieħdu minn Aser sa Mikmetat fuq il-Lvant ta'
Sikem, imbagħad lejn il-lemin kienu jibqgħu sejrin lejn dawk li jgħammru Għajn-
taffuħa.


© 2020 Malta Bible Society.

8L-art ta' Taffuħa kienet ta' Manassi, imma Taffuħa stess, li kienet f'tarf l-art ta' Manassi, kienet ta' wlied Efrajm.

9Imbagħad il-limiti kienu jinżlu lejn wied Kana, 'l isfel mill-wied. Dawn l-ibliet kienu ta' Efrajm f'nofs l-ibliet ta' Manassi. Imbagħad il-limiti ta' Manassi kienu jgħaddu mit-Tramuntana tal-wied u jispiċċaw f'xifer il-baħar.

10In-naħa t'isfel kienet ta' Efrajm, u n-naħa ta' fuq kienet ta' Manassi, bil-baħar il-limitu tagħhom it-tnejn; min-naħa tat-Tramuntana kienu jilħqu sa Aser u mil-Lvant sa Issakar.

11F'Issakar u f'Aser Manassi kellu dawn l-ibliet: Betsan u l-inħawi tagħha, Iblegħam u l-inħawi tagħha, in-nies li jgħammru f'Dor, l-inħawi tagħha, u n-nies li jgħammru f'Għajn-dor u l-inħawi tagħha; in-nies li jgħammru f'Tagħnak u l-inħawi tagħha, in-nies li jgħammru f'Megiddu u l-inħawi tagħha, tliet distretti.

12Ulied Manassi ma setgħux jirbħu dawn l-ibliet u l-Kangħanin riedu bilfors jibqgħu jgħammru f'din l-art.

13Meta mbagħad l-Iżraelin issaħħu ġagħluhom jaħdmulhom bil-forza; imma ma keċċewhomx.

14Ulied Ġużeppi kellmu lil Ġożwè, u qalulu: "Għaliex messitna x-xorti għal sehem wieħed biss u tajtna qasam wieħed? Jiena poplu kotran, għax s'issa berikni l-Mulej."

15U Ġożwè wieġeb: "Jekk inti poplu kotran, itla' lejn il-foresta u agħmel il-wisa' għalik fl-art tal-Periżżin u r-Refajin jekk jidher li l-muntanji ta' Efrajm huma dojoq għalik."

16U wlied Ġużeppi qalulu: "Mhux biżżejjed għalina l-muntanji; il-Kangħanin li jgħammru fil-wita lkoll għandhom karrijiet tal-ħadid, dawk li jgħammru sew f'Betsan bl-irħula tagħha u sew fil-wied ta' Ġeżragħel."

17Ġożwè wieġeb lil dar Ġużeppi, lil Efrajm u lil Manassi: "Int poplu kotran u għandek saħħa kbira, m'għandhiex tmissek xorti waħda;

18il-muntanji jkunu tiegħek; hemm il-foresta, qaċċatha u l-wisa' jkun għalik, għax inti tkeċċi l-Kangħanin, minkejja li għandhom il-karrijiet tal-ħadid u b'saħħithom."

## Ġożwè 18

### Sehem il-bqija tat-tribujiet

1Il-ġemgħa kollha ta' Iżrael iltaqgħet u waqqfu t-tinda tal-laqgħa f'Silo. L-art kienet taħt il-ħakma tagħhom;


© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

2iżda kien għad baqa' seba' tribujiet fost ulied Iżrael li ma kinux għadhom ħadu
l-wirt tagħhom.

3Ġożwè qal lil ulied Iżrael: "Kemm se ddumu titnikkru biex tmorru tieħdu l-art
li takom il-Mulej, Alla ta' missirijietkom?

4Ġibu tlitt irġiel minn kull tribù u jien nibgħathom, u jmorru jduru l-art u
jħożżuha fi ktieb, u jqassmuha skont l-ishma tagħhom, u jiġu għandi.

5Imbagħad iqassmuha f'seba' oqsma. Ġuda jibqa' f'artu n-naħa tan-Nofsinhar u
dar Ġużeppi tibqa' f'artha fit-Tramuntana.

6U intom tħożżu l-art f'seba' oqsma, u ġibuhomli hawn u jien intellgħalkom ix-
xorti hawn, quddiem il-Mulej, Alla tagħna.

7Il-Leviti ma għandhomx sehem f'nofskom għaliex is-saċerdozju tal-Mulej hu
sehemhom. Gad u Ruben u nofs it-tribù ta' Manassi diġà ħadu sehemhom in-
naħa l-oħra tal-Ġordan, fil-Lvant, li tahom Mosè, il-qaddej tal-Mulej."

8U dawk l-irġiel qabdu u marru, u Ġożwè ordna lil dawk li marru jħożżu l-art fi
ktieb u qalilhom: "Morru u duru l-art, u ħożżuha fuq ktieb, u erġgħu ejjew
għandi, imbagħad jien intellgħalkom ix-xorti hawn f'Silo quddiem il-Mulej."

9U l-irġiel marru u daru mal-art u niżżlu kollox fi ktieb, belt belt, f'seba' oqsma.
U marru għand Ġożwè fil-kamp f'Silo.

10U Ġożwè tellgħalhom ix-xorti f'Silo quddiem il-Mulej, u hemm qassam l-art lil
ulied Iżrael skont l-oqsma tagħhom.

### Sehem ulied Benjamin

11U telgħet ix-xorti tat-tribù ta' Benjamin skont il-familji tagħhom, u messhom
sehem bejn ulied Ġuda u wlied Ġużeppi.

12Il-limiti tagħhom kienu jibdew fit-Tramuntana mill-Ġordan, u jibqgħu sejrin
lejn il-ġnub ta' Ġeriko, in-naħa tat-Tramuntana, u jitilgħu fuq il-muntanji fil-
Punent u jispiċċaw fid-deżert ta' Bet-awen.

13U minn hemm kienu jaqsmu għan-naħa tan-Nofsinhar għal ħdejn Luż, taħt ir-
riħ ta' Luż, jiġifieri Betel, u minn hemm kienu jinżlu għal Għatarot-addar għal fuq
il-muntanja min-naħa t'isfel li tiġi biswit Betħoron t'isfel.

14Imbagħad il-limiti kienu jinżlu u jduru 'l isfel għal ġenb il-baħar mill-muntanja
quddiem Betħoron 'l isfel u jispiċċaw f'Kirjat-bagħal - li hi Kirjat-ġegħarim - belt
ta' wlied Ġuda. Din kienet in-naħa tal-Punent.

15Il-limiti tan-Nofsinhar kienu jibdew minn tarf Kirjat-ġegħarim u jieħdu lejn
Efron, lejn l-għajn tal-ilma ta' Neftuħa.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

16U mbagħad jinżlu lejn tarf il-muntanji biswit il-wied ta' Benħinnom, fil-wita ta' Refajin fit-Tramuntana; jinżlu minn wied Hinnom 'l isfel lejn in-naħa tal-Ġebusin, u jieħdu lejn Għajn-rogel.

17Imbagħad jilwu lejn it-Tramuntana, jgħaddu minn Għajn-xemex u jiġbdu lejn l-inħawi ta' Gelilot, biswit it-telgħa ta' Adummim, u jinżlu lejn il-blata ta' Boħan bin Ruben.

18Imbagħad jgħaddu mill-ġenb biswit l-Għaraba;

19jgħaddu mill-ġenb ta' Bet-ħogla lejn it-Tramuntana u jispiċċaw fl-ilsien tat-Tramuntana tal-Baħar il-Mielaħ, fit-tarf tan-Nofsinhar tal-Ġordan. Dawn huma l-limiti tan-Nofsinhar.

20Fuq in-naħa tal-Lvant il-limiti kienu l-Ġordan. Dan hu sehem Benjamin bil-limiti tiegħu dawramejt, skont il-familji tagħhom.

21L-ibliet tat-tribù ta' Benjamin skont il-familji tagħhom kienu: Ġeriko, Bet-ħogla, Għemek-kesis,

22Bet-għaraba, Semarajm, Betel,

23Għawwim, Para, Għofra,

24Kefar-għammoni, Għofni, Geba; tnax-il belt bl-irħula tagħhom.

25Gibgħon, Rama, Birot,

26Misfe, Kefira, Mosa,

27Rekem, Irfel, Tarala,

28Sela, Elef, Ġebus, li hi Ġerusalemm, Gibgħat, Kirjat; erbatax-il belt bl-irħula tagħhom. Dan hu sehem Benjamin skont il-familji tagħhom.

## Ġożwè 19

### Sehem ulied Simgħon

1Imbagħad telgħet ix-xorti għal Simgħon, għat-tribù ta' wlied Simgħon skont il-familji tagħhom. Sehemhom kien f'nofs sehem ulied Ġuda.

2Fil-qasam tagħhom kellhom: Birsaba, Seba, Molada,

3Hasar-sugħal, Bala, Għesem,

4Eltolad, Betul, Horma,

5Siklag, Bet-markabot, Hasar-susa,

6Bet-lebawt, Saruħen, tlittax-il belt bl-irħula tagħhom.

7Għajn-Rimmon, Għeter u Għasan; erbat ibliet u l-irħula tagħhom,


© 2020 Malta Bible Society.

8u l-irħula kollha ta' madwar dawn l-ibliet sa Bagħlat-bir, li hi Rama fin-Nofsinhar. Dan hu sehem it-tribù ta' wlied Simgħon skont il-familji tagħhom.

9Sehem ulied Simgħon ittieħed minn sehem ulied Ġuda; għax kien sehem ulied Ġuda kbir wisq għalihom, u għalhekk ulied Simgħon ħadu sehem f'nofs il-qasam tagħhom.

### Sehem ulied Żebulun

10Telgħet it-tielet xorti għal ulied Żebulun skont il-familji tagħhom, u l-medda ta' sehemhom kienet tieħu sa Xarid.

11Il-limiti kienu jitilgħu lejn il-Punent lejn Margħala, jaslu sa Dabbeset u jaslu sal-wied in-naħa tal-Lvant ta' Ġokne għam.

12Minn Xarid kienu jduru lejn il-Lvant, lejn tlugħ ix-xemx, sal-limiti ta' Kislot-tabor, u jieħdu lejn Dabrat, u jitilgħu lejn Ġafigħa.

13Minn hemm jgħaddu lejn il-Lvant, lejn tlugħ ix-xemx sa Gat-ħefer, Għitta-kasin, jiġbdu lejn Rimmon u jilwu lejn Negħa;

14iduru mat-Tramuntana ta' Hannaton, u jibqgħu sejrin sal-wied ta' Iftaħel.

15Kattat, Naħalal, Simron, Idla, Betlehem; tnax-il belt bl-irħula tagħhom.

16Dan kien sehem ulied Żebulun skont il-familji tagħhom: dawn l-ibliet bl-irħula tagħhom.

### Sehem ulied Issakar

17Għal Issakar telgħet ir-raba' xorti, għal ulied Issakar skont il-familji tagħhom.

18Fil-limiti tagħhom kien hemm Ġisragħel, Kesulot, Sunem,

19Hafarajm, Siħon, Anaħarat,

20Rabbit, Kisjan, Għabes,

21Ramet, Għajn-gannim, Għajn-ħadda, Bet-passes;

22il-limiti tagħhom kienu jwasslu sat-Tabor, Saħasima, Betxemex u jispiċċaw fil-Ġordan; sittax-il belt bl-irħula tagħhom.

23Dan hu sehem it-tribù ta' wlied Issakar skont il-familji tagħhom; dawn l-ibliet bl-irħula tagħhom.

### Sehem ulied Aser

24Telgħet il-ħames xorti għat-tribù ta' wlied Aser skont il-familji tagħhom.

25Il-limiti tagħhom kien fihom: Helkat, Hali, Beten, Aksaf,

26Alammelek, Għamgħad, Misal u kienu jilħqu l-Karmel in-naħa tal-Punent u Siħor-libnat;


© 2020 Malta Bible Society.

27imbagħad iduru għan-naħa ta' tlugħ ix-xemx lejn Betdagon, u jmissu ma' Żebulun u l-wied ta' Iftaħel, fit-Tramuntana Bet-għemek u Negħijel, u jaslu sa Kabul fit-Tramuntana,

28Għebron, Reħob, Hammon, Kana, sa Sidon il-Kbira.

29Iduru lejn Rama sal-belt ta' Tir imdawra bis-swar; iduru lejn Ħosa u jispiċċaw f'xifer il-baħar; Maħleb, Akżib,

30Għumma, Afek, Reħob - tnejn u għoxrin belt bl-irħula tagħhom.

31Dan kien sehem ulied Aser skont il-familji tagħhom; dawn l-ibliet bl-irħula tagħhom.

### Sehem ulied Naftali

32Għal Naftali mbagħad telgħet is-sitt xorti, għal ulied Naftali skont il-familji tagħhom.

33Il-limiti ta' sehemhom kienu minn Ħelef, mill-Balluta f'Sagħnannim u Adam-nekeb u Ġabnel sa Lakkum u jaslu sal-Ġordan.

34Imbagħad iduru lejn il-Punent lejn Ażnot-tabor u jieħdu minn hemm lejn Ħukkok; u jilħqu Żebulun fin-Nofsinhar, u jmissu lil Aser min-naħa tal-Punent u lil Ġuda min-naħa tal-Ġordan minn tlugħ ix-xemx.

35Kellhom dawn l-ibliet bis-swar: Siddim, Ser, Hammat, Rakkat, Kinneret,

36Adama, Rama, Ħasor,

37Kedes, Edregħi, Għajn-ħasor,

38Ġeron, Migdal-el, Ħorem, Bet-għanat, Betxemex - dsatax-il belt bl-irħula tagħhom.

39Dan hu sehem it-tribù ta' wlied Naftali skont il-familji tagħhom: l-ibliet bl-irħula tagħhom.

### Sehem ulied Dan

40Telgħet is-seba' xorti għal ulied Dan skont il-familji tagħhom.

41Il-limiti ta' sehemhom kienu dawn: Sorgħa, Estawl, Għir-xemex,

42Sagħlabbin, Ajjalon, Ġetla,

43Elon, Timna, Għekron,

44Elteki, Gibbeton, Bagħalat,

45Ġehud, Bene-berak, Gat-rimmon;

46u fuq il-Punent il-limiti kienu f'Mirjakon biswit Ġaffa.


© 2020 Malta Bible Society.

47Imma l-art ta' wlied Dan ma baqgħetx għandhom, għalhekk ulied Dan telgħu u ħabtu għal Lesem, u rebħuha, u għaddewha minn xifer ix-xabla, ħaduha f'idejhom, u bdew jgħammru fiha, u semmewha Dan għal isem missierhom.

48Dan huwa sehem ulied Dan skont il-familji tagħhom: dawn l-ibliet bl-irħula tagħhom.

### Sehem Ġożwè

49Meta spiċċaw iqassmu l-art, kull sehem bil-limiti tiegħu, ulied Iżrael taw sehem lil Ġożwè bin Nun f'nofshom.

50Skont ma kien qalilhom il-Mulej tawh il-belt li talabhom, jiġifieri Timnat-seraħ fuq il-muntanji ta' Efrajm, u bena l-belt, u beda jgħammar fiha.

51Dawn huma l-ishma li qassmu bix-xorti Elgħażar il-qassis, u Ġożwè bin Nun, u l-kapijiet tal-familji ta' wlied Iżrael f'Silo quddiem il-Mulej, f'bieb it-tinda tal-laqgħa. Hekk temmew t-tqassim tal-art.

## Ġożwè 20

### L-ibliet tal-kenn

1Il-Mulej kellem lil Ġożwè u qallu:

2"Għid lil ulied Iżrael: Agħżlu għalikom l-ibliet tal-kenn skont ma għedtilkom permezz ta' Mosè,

3biex jistkenn fihom il-qattiel li jkun darab lil xi ħadd bi żball u bla ma ried, u jkunu għalikom ta' kenn mill-vendetta ta' qarib il-mejjet.

4Hu jaħrab lejn waħda minn dawn l-ibliet, u jieqaf fid-daħla ta' bieb il-belt, u jgħid li jisimgħuh ix-xjuħ tal-belt kulma jkun ġralu. Imbagħad iżommuh għandhom fil-belt u jagħtuh xi mkien fejn joqgħod magħhom.

5U jekk min għandu d-dritt tal-vendetta jagħmel għal warajh, ma għandhomx jitilqulu l-qattiel f'idejh, għax ikun darab lil għajru bla ma ried, bla ma kien jobogħdu minn qabel.

6U jibqa' f'dik il-belt sakemm jidher quddiem il-ġemgħa għall-ġudizzju, sal-mewt tal-qassis il-kbir li jkun f'dak iż-żmien, imbagħad il-qattiel jerġa' lura lejn daru fil-belt tiegħu, il-belt li jkun ħarab minnha."

7U għażlu lil Kedes fil-Galilija, fil-muntanji ta' Naftali; u Sikem fil-muntanji ta' Efrajm; u Kirjat-arba, jiġifieri Hebron, fil-muntanji ta' Ġuda.

8In-naħa l-oħra tal-Ġordan, imbagħad, fuq il-Lvant ta' Ġeriko, għażlu lil Beser fid-deżert, fil-wita tat-tribù ta' Ruben; u Ramot f'Gilgħad tat-tribù ta' Gad; u 'l Golan f'Basan tat-tribù ta' Manassi.


© 2020 Malta Bible Society.

[9]Dawn kienu l-ibliet li ngħataw lil ulied Iżrael kollha u lill-barrani li jkun jgħammar f'nofshom biex fihom jistkenn kull min ikun darab lil xi ħadd bi żball, u hekk ma jmutx b'id min ikollu d-dritt tal-vendetta, sakemm jidher quddiem il-ġemgħa.

## Ġożwè 21

### L-ibliet tal-Leviti

[1]Imbagħad resqu l-kapijiet tal-familji tal-Leviti quddiem Elgħażar il-qassis, u quddiem Ġożwè bin Nun, u quddiem il-kapijiet tal-familji tat-tribujiet ta' wlied Iżrael,

[2]u kellmuhom f'Silo, f'art Kangħan, u qalulhom: "Il-Mulej ordna permezz ta' Mosè li tagħtuna bliet biex aħna ngħammru fihom, u l-inħawi ta' madwarhom għall-bhejjem tagħna."

[3]U wlied Iżrael tawhom minn sehemhom, skont ma kien qal il-Mulej, dawn l-ibliet u l-inħawi ta' madwarhom.

[4]Telgħet ix-xorti għall-familji tal-Keħatin, u messu bix-xorti lil ulied Aron il-qassis, minn fost il-Leviti, tlittax-il belt mit-tribù ta' Benjamin;

[5]u għaxart ibliet messu bix-xorti lill-bqija ta' wlied Keħat, skont il-familji tagħhom, mit-tribù ta' Efrajm, mit-tribù ta' Dan u minn nofs it-tribù ta' Manassi.

[6]Tlittax-il belt oħra mit-tribù ta' Issakar u mit-tribù ta' Aser u mit-tribù ta' Naftali u minn nofs it-tribù ta' Manassi f'Basan messu lil ulied Gersun skont il-familji tagħhom.

[7]Lil ulied Merari skont il-familji tagħhom messhom tnax-il belt mit-tribù ta' Ruben, mit-tribù ta' Gad, u mit-tribù ta' Żebulun.

[8]U wlied Iżrael taw bix-xorti dawn l-ibliet u l-inħawi tagħhom lil-Leviti, skont ma kien ordna l-Mulej permezz ta' Mosè.

[9]Mit-tribù ta' wlied Ġuda u mit-tribù ta' wlied Simgħon tawhom dawn l-ibliet f'isimhom.

[10]Mess sehem lil ulied Aron mill-familji tal-Keħatin fost ulied Levi; tagħhom telgħet l-ewwel xorti.

[11]Tawhom Kirjat-arba (Arba kien missier Għanak), jiġifieri Hebron, fil-muntanji ta' Ġuda u l-wesgħat ta' madwarha.

[12]Lil Kaleb bin Ġefunni tawh ir-raba' ta' din il-belt bl-irħula tagħha biex ikunu tiegħu.

[13]U lil ulied Aron il-qassis, tawhom il-belt għall-kenn għal min joqtol, Hebron bl-inħawi tagħha, u Libna bl-inħawi tagħha,

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

14u Ġattir u l-inħawi tagħha, u Estemugħa bl-inħawi tagħha,

15Ħolon bl-inħawi tagħha, Debir bl-inħawi tagħha,

16Għajn bl-inħawi tagħha, Ġutta bl-inħawi tagħha, Betxemex bl-inħawi tagħha, disat ibliet mingħand dawn iż-żewġ tribujiet.

17Mit-tribù ta' Benjamin tawhom: Gibgħon bl-inħawi tagħha, Geba bl-inħawi tagħha,

18Għanatot bl-inħawi tagħha, Għalmon bl-inħawi tagħha, erbat ibliet.

19L-ibliet kollha ta' wlied Aron il-qassis kienu tlittax-il belt bl-inħawi tagħhom.

20Lill-familji ta' wlied Keħat, il-Leviti li kien baqa' minn ulied Keħat, messewhom bix-xorti dawn l-ibliet mit-tribù ta' Efrajm.

21Tawhom Sikem bħala l-belt tal-kenn għal min joqtol, bl-inħawi tagħha fil-muntanja ta' Efrajm; Geżer bl-inħawi tagħha,

22Kibsajim bl-inħawi tagħha, Betħoron bl-inħawi tagħha, erbat ibliet.

23Mit-tribù ta' Dan tawhom: Elteki bl-inħawi tagħha, Gibbeton bl-inħawi tagħha,

24Ajjalon bl-inħawi tagħha, Gat-rimmon bl-inħawi tagħha, erbat ibliet.

25Minn nofs it-tribù ta' Manassi tawhom: Tagħanak bl-inħawi tagħha, Gat-rimmon bl-inħawi tagħha, żewġt ibliet.

26B'kollox għaxart ibliet bl-inħawi tagħhom għall-familji ta' wlied Keħat li kien baqa'.

27Imbagħad lil ulied Gersun, mit-tribù tal-Leviti, tawhom dawn l-ibliet; minn nofs it-tribù ta' Manassi tawhom bħala belt tal-kenn għal min joqtol, Golan f'Basan bl-inħawi tagħha u Begħestera bl-inħawi tagħha; żewġt ibliet.

28Mit-tribù ta' Issakar tawhom: Kisjon bl-inħawi tagħha, Dabrat bl-inħawi tagħha,

29Ġarmut bl-inħawi tagħha, Għajn-gannim bl-inħawi tagħha; erbat ibliet.

30Mit-tribù ta' Aser, tawhom Misal bl-inħawi tagħha, Għabdon bl-inħawi tagħha,

31Ħelkat bl-inħawi tagħha, Reħob bl-inħawi tagħha; erbat ibliet.

32Mit-tribù ta' Naftali tawhom bħala bliet tal-kenn għal min joqtol: Kedes fil-Galilija bl-inħawi tagħha, Ħammot-dor bl-inħawi tagħha, Kartan bl-inħawi tagħha; tlitt ibliet.

33B'kollox l-ibliet tal-Gersunin, skont il-familji tagħhom, kienu tlittax-il belt bl-inħawi tagħhom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

34U lill-familji ta’ wlied Merari, il-Leviti li kien baqa’ minnhom, tawhom dawn l-ibliet mit-tribù ta’ Żebulun: Ġoknegħan bl-inħawi tagħha, Karta bl-inħawi tagħha,

35Dimna bl-inħawi tagħha, Naħalal bl-inħawi tagħha; erbat ibliet.

36U tawhom mit-tribù ta’ Ruben, in-naħa l-oħra tal-Ġordan fuq il-Lvant ta’ Ġeriko, dawn l-ibliet tal-kenn għal min joqtol: Beser bl-inħawi tagħha, Ġaħsa bl-inħawi tagħha,

37Kedemot bl-inħawi tagħha, Mefagħat bl-inħawi tagħha, erbat ibliet.

38Mit-tribù ta’ Gad tawhom bħala bliet tal-kenn għal min joqtol: Ramot f’Gilgħad bl-inħawi tagħha, Maħanajm bl-inħawi tagħha;

39Ħesbon bl-inħawi tagħha, Ġagħżer bl-inħawi tagħha; b’kollox erbat ibliet.

40L-ibliet kollha ta’ wlied Merari skont il-familji tagħhom, li kien baqa’ mill-familji tal-Leviti, skont ix-xorti li messithom, kienu tnax-il belt.

41L-ibliet kollha tal-Leviti f’nofs l-ishma ta’ wlied Iżrael kienu tmienja u erbgħin belt bl-inħawi tagħhom.

42Kull waħda minn dawn l-ibliet kienet belt bl-inħawi tagħha ta’ madwarha: hekk kienu dawn l-ibliet kollha.

### Tmiem it-tqassim tal-art

43Meta l-Mulej ta lil Iżrael l-art kollha li kien ħalef li jagħti lil missirijiethom, ħaduha f’idejhom u għammru fiha.

44Il-Mulej serraħhom minn kullimkien, skont ma kien ħalef lil missirijiethom, u ħadd mill-għedewwa kollha tagħhom ma kien waqfilhom; il-Mulej telaq lill-għedewwa kollha tagħhom f’idejhom.

45Ebda kelma ta’ ġid ma kien baqa’ li ma seħħitx skont ma kien wiegħed il-Mulej lid-dar ta’ Iżrael. Kollox seħħ!

## Ġożwè 22

### It-tribù tal-Lvant lura f’arthom

1Imbagħad Ġożwè sejjaħ lir-Rubenin u lill-Gadin u lin-nofs it-tribù ta’ Manassi.

2U qalilhom: “Intom ħaristu kulma ordnalkom Mosè, il-qaddej tal-Mulej, u smajtu kliemi f’kulma ordnajtilkom.

3Ma ħallejtux lil ħutkom f’dan iż-żmien kollu sal-lum, u ħaristu bir-reqqa kulma ordnalkom Alla tagħkom, il-Mulej.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

4Issa li l-Mulej, Alla tagħkom, ta l-mistrieħ lil ħutkom bħalma kien wegħedhom, dawru wiċċkom u morru lejn it-tined tagħkom fl-art tal-wirt tagħkom li takom Mosè, il-qaddej tal-Mulej, in-naħa l-oħra tal-Ġordan.

5Biss qisu sewwa li tagħmlu l-ordnijiet u l-liġijiet li ordnalkom Mosè, il-qaddej tal-Mulej; li tħobbu l-Mulej, Alla tagħkom, u li timxu fit-toroq kollha tiegħu, u li tħarsu l-ordnijiet tiegħu, u li tintrabtu miegħu, u taqduh b'qalbkom kollha u b'ruħkom kollha."

6U Ġożwè berikhom u bagħathom; u huma telqu lejn it-tined tagħhom.

7Lil nofs it-tribù ta' Manassi Mosè tahom sehem f'Basan, lin-nofs l-ieħor Ġożwè tahom sehem ma' ħuthom in-naħa l-oħra tal-Ġordan lejn il-Punent. Hu u jibgħathom lejn it-tined tagħhom Ġożwè ssokta jberikhom u jgħidilhom:

8"Erġgħu lura lejn it-tined tagħkom mimlijin bil-ġid u b'imrieħel kbar, b'fidda, b'deheb, bi bronż, u b'ħadid, b'ilbiesi bil-kotra; aqsmu l-priża tal-għedewwa tagħkom ma' ħutkom."

9U reġgħu lura u telqu wlied Ruben, u wlied Gad u nofs it-tribù ta' Manassi mingħand ulied Iżrael, minn Silo, li hi f'art Kangħan, biex imorru fl-art ta' Gilgħad, li hi sehemhom u ħaduhom skont ma kien qal il-Mulej permezz ta' Mosè.

10Kif waslu fl-inħawi tal-Ġordan fl-art ta' Kangħan, bnew hemm ulied Ruben, u wlied Gad u nofs it-tribù ta' Manassi, artal ħdejn il-Ġordan, artal kbir li jidher.

11U semgħu wlied Iżrael min jgħid: "Araw, ulied Ruben, ulied Gad u nofs it-tribù ta' Manassi, bnew artal biswit art Kangħan fl-inħawi tal-Ġordan, in-naħa ta' wlied Iżrael."

12U semgħu wlied Iżrael u nġemgħet il-kotra kollha ta' wlied Iżrael f'Silo, biex jitilgħu jaħbtu għalihom.

13U wlied Iżrael bagħtu għandu wlied Ruben u wlied Gad u nofs it-tribù ta' Manassi fl-art ta' Gilgħad, lil Fineħas bin Elgħażar il-qassis;

14u miegħu għaxar prinċpijiet, prinċep għal kull tribù ta' Iżrael, kull wieħed kap tal-familja tiegħu fil-qtajja' ta' Iżrael.

15U ġew għand ulied Ruben u wlied Gad u nofs it-tribù ta' Manassi fl-art ta' Gilgħad, u kellmuhom u qalulhom:

16"Dan hu li tgħidilkom il-ġemgħa kollha tal-Mulej: 'X'ħażen hu dan li għamiltu lil Alla ta' Iżrael, li warrabtu llum minn wara l-Mulej, bnejtu għalikom artal, u xxewwixtu llum kontra l-Mulej?

17Forsi kienet ħaġa żgħira għalina d-dnub ta' Pegħor li minnu għadna ma ssaffejniex sal-lum, minkejja l-qerda li waqgħet fuq il-poplu tal-Mulej, biex issa intom terġgħu twarrbu minn wara l-Mulej?


© 2020 Malta Bible Society.

[18]Jekk intom illum terġgħu lura minn wara l-Mulej u tqumu llum kontra l-Mulej,
għada jinkorla għall-ġemgħa kollha ta' Iżrael.

[19]Jekk sehemkom hi art imniġġsa, aqsmu għall-art li hi tal-Mulej fejn hemm it-
tabernaklu tal-Mulej, u għammru fostna; imma tqumux kontra l-Mulej, u tqumux
kontra tagħna u tibnu għalikom artal barra mill-artal tal-Mulej, Alla tagħna.

[20]Ma naqasx forsi Għakan bin Żeraħ fil-ħwejjeġ tal-interdett? Ma xegħlitx il-qilla
tal-Mulej għal Iżrael kollu? U ma kienx waħdu li miet għal ħtijietu.' "

[21]U wlied Ruben u wlied Gad u nofs it-tribù ta' Manassi wieġbu lill-prinċpijiet
tal-eluf ta' Iżrael:

[22]"Alla fuq l-allat il-Mulej! Alla fuq l-allat il-Mulej! Hu jaf, u Iżrael jaf ukoll: jekk
dan għamilnieh illum b'tixwix jew b'nuqqas lejn il-Mulej, la taħfirhilniex illum,

[23]li aħna morna nibnu artal għalina biex inwarrbu minn wara l-Mulej! Ha
jħallasna l-Mulej innifsu jekk aħna għamilnieh biex noffru s-sagrifiċċju tal-ħruq,
u offerti tal-qmuħ u nagħmlu fuqu s-sagrifiċċji tas-sliem.

[24]Aħna għamilnieh għax bżajna u għedna: Għada għad jistaqsu wliedkom lil
uliedna u jgħidulhom: 'X'għandkom x'taqsmu mal-Mulej ta' Iżrael intom?

[25]Il-Mulej għamel il-Ġordan fruntiera bejnna u bejnkom, ulied Ruben u wlied
Gad: intom ma għandkomx sehem fil-Mulej' u hekk ibiegħdu wliedkom lil
uliedna mill-biża' tal-Mulej'.

[26]Għalhekk għedna: 'Ħa nagħmlu għalina u nibnu artal, mhux għas-sagrifiċċji tal-
ħruq u l-vittmi

[27]imma bħala xhieda bejnna u bejnkom, u bejn in-nisel tagħna u n-nisel
tagħkom, li jiġi warajna, li aħna nqimu sewwa lill-Mulej fil-preżenza tiegħu bis-
sagrifiċċji tal-ħruq tagħna, bil-vittmi tas-sliem, u ma jgħidux għada wliedkom lil
uliedna: 'Ma għandkomx sehem fil-Mulej'.

[28]Għalhekk għedna: 'Jekk għada jistaqsu lilna jew lil nisilna ngħidulhom: Araw
il-mudell tal-artal tal-Mulej li għamlu missirijietna, mhux għas-sagrifiċċji tal-
ħruq jew għall-vittmi, imma b'xhieda bejnna u bejnkom.'

[29]Ma jkun qatt minna li nqumu kontra l-Mulej, u nwarrbu minn wara l-Mulej u
nibnu artal għas-sagrifiċċji tal-ħruq, għall-offerti tal-qmuħ u għall-vittmi, barra
mill-artal tal-Mulej, Alla tagħna, li hemm quddiem it-tabernaklu tiegħu."

[30]Fineħas il-qassis, u l-prinċpijiet tal-ġemgħa, u l-kapijiet tal-eluf ta' Iżrael li
kienu miegħu, semgħu l-kliem li qalu wlied Ruben u wlied Gad u wlied Manassi,
u għoġobhom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

31 U Fineħas bin Elgħażar wieġeb lil ulied Ruben u wlied Gad u wlied Manassi: "Illum għarafna li l-Mulej huwa fostna għaliex intom ma qomtux kontra l-Mulej b'dan li għamiltu. Issa intom ħlistu lil ulied Iżrael minn id il-Mulej."

32 U Fineħas bin Elgħażar il-qassis, u l-prinċpijiet, reġgħu lura mingħand ulied Ruben u wlied Gad mill-art ta' Gilgħad għall-art ta' Kangħan għand ulied Iżrael u tawhom l-aħbar.

33 U wlied Iżrael għoġbithom din il-ħaġa u bierku lil Alla wlied Iżrael; u ma baqgħux jgħidu li jridu jitilgħu jaħbtu għalihom, u jħarbtu l-art li fiha jgħammru wlied Ruben u wlied Gad.

34 U wlied Ruben u wlied Gad semmew l-artal Għed, xhieda, għaliex qalu: "Xhieda hu bejnietna li l-Mulej hu Alla."

## Ġożwè 23

### L-aħħar ordnijiet ta' Ġożwè

1 U ġara li kien għadda ħafna żmien minn mindu l-Mulej kien ta l-mistrieħ lil Iżrael mill-għedewwa kollha tagħhom ta' madwarhom, u Ġożwè kien xiħ u mdaħħal fiż-żmien

2 meta sejjaħ lil Iżrael kollu, lix-xjuħ tiegħu, u 'l-kapijiet u lill-imħallfin u 'l-uffiċjali tiegħu u qalilhom: "Arawni, jien xiħ imdaħħal fiż-żmien.

3 Intom rajtu kulma għamel quddiemkom lil dawn il-ġnus kollha l-Mulej, Alla tagħkom; għax il-Mulej, Alla tagħkom, hu li kien jitqabad għalikom.

4 Araw, jien qassamtilkom b'wirt lit-tribujiet tagħkom dawn il-ġnus li għad fadal minn dawk li jien qridt, mill-Ġordan sal-Baħar il-Kbir, in-naħa ta' nżul ix-xemx.

5 U l-Mulej, Alla tagħkom, għad jaqlagħhom u jkeċċihom minn quddiemkom, u intom tirtu arthom bħalma l-Mulej, Alla tagħkom, wegħedkom.

6 Għalhekk agħmlu ħilitkom kollha biex tħarsu kulma hu miktub fil-ktieb tal-liġi ta' Mosè, mingħajr ma tilwu lejn ix-xellug jew lejn il-lemin,

7 bla ma titħalltu ma' dawn il-ġnus li għad baqa' magħkom. La ssemmux isem allathom, u la taħilfux bihom, la taqduhomx, u la tadurawhomx.

8 Iżda ngħaqdu mal-Mulej, Alla tagħkom, bħalma għamiltu sa issa.

9 U l-Mulej keċċa minn quddiemkom ġnus kbar u qawwija, u intom ma waqfilkom ħadd sal-lum.

10 Għalhekk wieħed minnkom jagħmel għal wara elf, għaliex il-Mulej, Alla tagħkom, hu li jitqabad għalikom, bħalma wegħedkom.

11 Ħarsu sewwa lilkom infuskom li tħobbu lill-Mulej, Alla tagħkom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

12Jekk intom terġgħu lura, u tingħaqdu mal-fdal ta' dawn il-ġnus li għad fadal magħkom, tiżżewġu u titħalltu magħhom u huma magħkom,

13kunu afu li l-Mulej, Alla tagħkom, ma jibqax aktar ikeċċi dawn il-ġnus minn quddiemkom, u jkunu għalikom xibka u tfixkil, frosta għal ġenbejkom u xewk f'għajnejkom, sakemm jeqirdukom minn din l-art tajba li takom il-Mulej, Alla tagħkom.

14Arawni issa, jien illum se naqbad it-triq tal-bnedmin kollha tal-art. Kunu afu b'qalbkom kollha u b'ruħkom kollha li ebda waħda mill-wegħdiet ta' ġid li għamlilkom il-Mulej, Alla tagħkom, ma naqset. Kollha seħħewlkom, ebda waħda minnhom ma marret fix-xejn!

15Imma bħalma seħħewlkom il-wegħdiet kollha ta' ġid li l-Mulej, Alla tagħkom, kien għamlilkom, hekk il-Mulej, Alla tagħkom, iġib fuqkom id-deni kollu li wegħedkom sakemm jeqridkom minn din l-art tajba li takom il-Mulej, Alla tagħkom.

16Jekk intom tiksru l-patt tal-Mulej, Alla tagħkom, li ordnalkom, u tmorru taqdu allat oħra u tqimuhom, tixgħel il-qilla tal-Mulej għalikom u jeqridkom minnufih minn wiċċ l-art tajba li takom."

# Ġożwè 24

### It-tiġdid tal-patt f'Sikem

1Ġożwè ġema' t-tribujiet kollha ta' Iżrael f'Sikem u sejjaħ lix-xjuħ, lill-kapijiet, lill-imħallfin, lill-uffiċjali u resqu quddiem Alla.

2U Ġożwè qal lill-poplu kollu: "Dan qal il-Mulej Alla ta' Iżrael: 'Missirijietkom, Teraħ missier Abraham u missier Naħor, sa minn żmien il-qedem kienu jgħammru n-naħa l-oħra tax-xmara u jaqdu allat oħra.

3Jien ħadt lil missierkom Abraham min-naħa l-oħra tax-xmara u għaddejtu mill-art kollha ta' Kangħan u kattartlu nislu, u tajtu lil Iżakk.

4Lil Iżakk tajtu 'l Ġakobb u 'l Għesaw; u lil Għesaw tajtu l-muntanja ta' Xegħir biex tkun tiegħu; u Ġakobb u wliedu niżlu l-Eġittu.

5U bgħatt lil Mosè u lil Aron u drabt lill-Eġittu b'kulma għamiltlu f'nofsu, u mbagħad ħriġtkom minn hemm,

6u ħriġt lil missirijietkom mill-Eġittu, u wassaltkom sa ħdejn il-baħar, u l-Eġizzjani għamlu għal wara missirijietkom bil-karrijiet u ż-żwiemel sal-Baħar tal-Qasab.

7U għajtu lill-Mulej, u l-Mulej tafa' dlam bejnkom u bejn l-Eġizzjani, u ġibt fuqhom il-baħar li għattiehom. Rajtu b'għajnejkom x'għamilt fl-Eġittu. Imbagħad intom domtu żmien twil fid-deżert.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

8Wassaltkom fl-art tal-Amurrin, li kienu jgħixu n-naħa l-oħra tal-Ġordan, u dawn
ħabtu għalikom, u jien erħejthom f'idejkom u writtu arthom, u jiena qridthom
minn quddiemkom.

9Qam Balak bin Siffur, sultan ta' Mowab, u ħabat għal Iżrael, u bagħat isejjaħ lil
Bagħlam bin Begħor biex jisħetkom.

10Imma jien ma ridtx nisma' lil Bagħlam u kellu jberikkom u ħlistkom minn idejh.

11U intom qsamtu l-Ġordan u ġejtu sa Ġeriko, u ħabtu għalikom in-nies ta'
Ġeriko, l-Amurrin, il-Periżżin, il-Kangħanin, il-Ħittin, il-Girgasin, il-Ħiwwin u l-
Ġebusin, u rħejthom f'idejkom.

12U bgħatt quddiemkom iż-żnażan, u dawn, u mhux ix-xabla jew il-qaws tiegħek,
keċċewhom minn quddiemkom, lilhom u ż-żewġ slaten tal-Amurrin.

13U tajtkom art li qatt ma ħdimtu, u bliet li qatt ma bnejtu, u għammartu fihom;
kiltu mill-oqsma tad-dwieli u taż-żebbuġ li intom ma ħawwiltux.'

14Għalhekk issa ibżgħu mill-Mulej, u aqduh bir-reqqa u l-fedeltà; warrbu l-allat
li missirijietkom qdew lil hemm mix-xmara u fl-Eġittu, u aqdu l-Mulej.

15U jekk ma jogħġobkomx taqdu l-Mulej, għażlu llum lil min tridu taqdu; jekk
hux l-allat li kienu jaqdu missirijietkom lil hemm mix-xmara, jew l-allat tal-
Amurrin li f'arthom qegħdin tgħammru. Imma jien u dari naqdu l-Mulej."

16U l-poplu kollu wieġeb u qal: "Ma jkun qatt li aħna nħallu l-Mulej biex naqdu
allat oħra.

17Għax kien il-Mulej, Alla tagħna, li talla' lilna u 'l missirijietna mill-art tal-Eġittu,
minn dar il-jasar, u li għamel quddiemna stess dawn il-ħwejjeġ kbar, u ħarisna
matul it-triq kollha li minnha għaddejna u fost il-popli li minn ġo nofshom
qsamna.

18U l-Mulej keċċa minn quddiemna l-popli kollha u l-Amurrin li kienu jgħammru
fl-art. Għalhekk aħna wkoll lill-Mulej naqdu, għaliex hu Alla tagħna."

19U Ġożwè wieġeb lill-poplu: "Intom ma tifilħux taqdu l-Mulej, għaliex hu Alla
qaddis, Alla għajjur; huwa ma jaħfrilkomx dnubietkom u ħtijietkom,

20għax jekk intom titilqu l-Mulej biex taqdu allat barranin, hu jdur kontra
tagħkom, jaħqarkom u jeqridkom, wara li jkun għamlilkom il-ġid."

21U l-poplu wieġeb lil Ġożwè: "Le! Għax aħna l-Mulej se naqdu."

22Ġożwè wieġeb lill-poplu: "Kunu xhieda intom għalikom infuskom, li intom
għażiltu l-Mulej biex taqdu lilu." U huma wieġbu: "Nixhdu aħna."

23"Mela issa neħħu l-allat barranin li hemm f'nofskom, u dawru qalbkom lejn il-
Mulej, Alla ta' Iżrael."


© 2020 Malta Bible Society.

24U l-poplu wieġeb lil Ġożwè: "Lill-Mulej, Alla tagħna, naqdu, u leħnu nisimgħu."

25Hekk Ġożwè dak in-nhar għamel patt mal-poplu, u tah il-liġijiet u l-ordnijiet
f'Sikem.

26Ġożwè kiteb dan il-kliem kollu fil-ktieb tal-liġi ta' Alla, u ħa ġebla kbira, u
waqqafha hemm taħt il-balluta li hemm fis-santwarju tal-Mulej.

27U Ġożwè qal lill-poplu kollu: "Araw! Din il-ġebla tkun għalina xhieda, għax hi
semgħet il-kliem kollu tal-Mulej li qalilna u tkun għalikom xhieda li ma tiċħdux
lil Alla tagħkom."

28U Ġożwè bagħat lill-poplu, lil kulħadd fl-art tiegħu.

### Il-mewt ta' Ġożwè

29Wara dawn il-ġrajja miet Ġożwè bin Nun, qaddej tal-Mulej, fl-għomor ta' mija
u għaxar snin.

30U difnuh fl-art li kienet messitu f'Timnat-seraħ, fl-għoljiet ta' Efrajm, fuq it-
Tramuntana tal-muntanja Ġagħas.

31Iżrael qeda lill-Mulej il-jiem kollha ta' Ġożwè, u l-jiem kollha tax-xjuħ li baqgħu
ħajjin wara Ġożwè, u li kienu jafu bl-opri kollha tal-Mulej, li kien għamel ma'
Iżrael.

32U l-għadam ta' Ġużeppi li wlied Iżrael kienu tellgħu mill-Eġittu difnuh f'Sikem
fil-biċċa art li kien xtara Ġakobb mingħand ulied Hamor, missier Sikem, b'mitt
biċċa flus, u din baqgħet proprjetà ta' Ġużeppi.

33U Elgħażar bin Aron miet, u difnuh f'Gibgħa ta' Fineħas ibnu, li kienet ingħatat
lilu fil-muntanji ta' Efrajm.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

# Mħallfin

## Mħallfin 1

### Il-poplu ta' Iżrael fl-Art Imwiegħda: fin-Nofsinhar ta' Kangħan

1Ġara li wara l-mewt ta' Ġożwè wlied Iżrael ikkonsultaw lill-Mulej u staqsewh: "Min minna se jitla' l-ewwel biex jitqabad mal-Kangħanin?"

2U l-Mulej wieġeb: "Ħa jitla' Ġuda. Araw, jiena rħejt l-art f'idejh."

3U Ġuda qal lil Simgħon ħuh: "Itla' miegħi fl-art li messitni biex nitqabdu mal-Kangħanin, u mbagħad jien niġi miegħek fl-art li messitek." U Simgħon mar miegħu.

4U Ġuda tala' għalihom, u l-Mulej reħa f'idejh il-Kangħanin u l-Periżżin; f'Beżek qerdu għaxart elef ruħ.

5U ltaqgħu ma' Adonibeżek f'Beżek, u ħabtu għalih u darbu l-Kangħanin u l-Periżżin.

6Adonibeżek ħarab, imma għamlu għal warajh u qabduh, u qatgħulu s-swaba' l-kbar ta' idejh u saqajh.

7U Adonibeżek qal: "Sebgħin sultan, bis-swaba' l-kbar ta' idejhom u saqajhom maqtugħa, kienu jlaqqtu l-loqom taħt il-mejda tiegħi. Bħalma għamilt jien, hekk raddli Alla!" Haduh Ġerusalemm u miet hemm.

8Ulied Ġuda ħabtu għal Ġerusalemm, u rebħuha u għaddewha minn xifer ix-xabla, u l-belt tawha n-nar.

9Imbagħad niżlu wlied Ġuda jitqabdu mal-Kangħanin li kienu jgħammru fil-muntanji, fin-Negeb u fis-Sefela.

10U Ġuda mar jeħodha mal-Kangħanin li kienu jgħammru f'Hebron - Hebron qabel kien jisimha Kirjat-arba - u qatlu lil Sesaj u 'l Aħiman u lil Talmaj.

11U minn hemm mar għan-nies ta' Debir - Debir qabel kien jisimha Kirjat-sefer.

12U Kaleb qal: "Min jaħbat għal Kirjat-sefer u jeħodha nagħtih lil binti Għaksa b'martu."

13U ħadha Għotnijel bin Kenaż, ħu Kaleb, li kien iżgħar minnu; u dan tah lil bintu Għaksa b'martu.

14Hi u sejra ġagħlitu jitlob għalqa lil missierha; qabżet minn fuq il-ħmar u Kaleb staqsieha: "Xi ġralek?"

15U hi wieġbet: "Agħtini xi rigal, għax art fin-Negeb kulma tajtni. Agħtini għallinqas għejun tal-ilma." U Kaleb taha l-għejun ta' fuq u l-għejun ta' isfel.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

16 Ulied il-Keni, ħaten Mosè, telgħu minn belt it-tamar ma' wlied Ġuda lejn id-
deżert ta' Ġuda fin-Negeb ta' Għarad, u għammru hemm ma' dak il-poplu.

17 U Ġuda telaq ma' Simgħon, ħuh, qatlu l-Kangħanin li kienu jgħammru f'Sefat u
qerduha, u semmew il-belt Horma.

18 Ġuda ħa wkoll lil Gaża bl-inħawi tagħha, u lil Askalon bl-inħawi tagħha, u 'l
Għekron bl-inħawi tagħha.

19 U l-Mulej kien ma' Ġuda u ħadu l-muntanji, imma ma setgħux ikeċċu n-nies li
kienu jgħammru fil-wita għax kellhom il-karrijiet tal-ħadid.

20 U ta Hebron lil Kaleb bħalma kien ordna Mosè, u keċċa minn hemm it-tliet
ulied ta' Għanak.

21 Ulied Benjamin ma rnexxilhomx ikeċċu lill-Ġebusin minn Ġerusalemm, u l-
Ġebusin għadhom f'Ġerusalemm flimkien ma' wlied Benjamin sal-lum.

## F'nofs Kangħan

22 Id-dar ta' Ġużeppi telgħet, u ħabtu għal Betel, u l-Mulej kien magħhom.

23 Dar Ġużeppi bagħtu jitkixxfu dwar Betel - din il-belt kien jisimha Luż.

24 L-ispjuni raw raġel ħiereġ mill-belt, u qalulu: "Urina mnejn tidħol fil-belt, u
nimxu tajjeb miegħek."

25 U wriehom id-dħul tal-belt, u għaddewha minn xifer ix-xabla, u r-raġel u 'l
niesu telquhom ilkoll.

26 U dak ir-raġel mar fl-art tal-Hittin, u bena belt u semmieha Luż; u dan għadu
isimha sal-lum.

27 Manassi ma rnexxilux ikeċċi 'l barra n-nies ta' Betsan u l-irħula tagħha, ta'
Tagħnak u l-irħula tagħha, u lanqas in-nies ta' Dor u l-irħula tagħha, in-nies ta'
Iblegħam u l-irħula tagħha, u n-nies ta' Megiddu u l-irħula tagħha; u l-Kangħanin
riedu bilfors jibqgħu jgħammru f'din l-art.

28 Meta mbagħad Iżrael issaħħaħ, ġagħlu l-Kangħanin jaħdmulhom bilfors, iżda
ma rnexxilhomx ikeċċuhom għalkollox.

29 U Efrajm ma rnexxilux jaqla' 'l barra l-Kangħanin li kienu jgħammru f'Geżer, u
l-Kangħanin baqgħu jgħammru magħhom f'Geżer.

## Fit-Tramuntana ta' Kangħan

30 Żebulun ma qalax 'il barra n-nies ta' Kitron u 'l dawk li jgħammru f'Naħalol, u
l-Kangħanin baqgħu jgħammru magħhom, imma kienu mġagħla jaħdmu bilfors.

31 Aser ma rnexxilux ikeċċi 'l barra n-nies ta' Għakku u anqas in-nies ta' Sidon u
Aħlab, u Akżib, u Helba, u Afik u Reħob.


© 2020 Malta Bible Society.

32U l-Aserin baqgħu jgħammru f'nofs il-Kangħanin, li kienu f'dik l-art, għax ma keċċewhomx.

33Naftali ma rnexxilux ikeċċi 'l barra n-nies ta' Betxemex u n-nies ta' Bet-għanat, u baqa' jgħammar f'nofs il-Kangħanin li kienu jgħammru f'dik l-art. Imma n-nies ta' Betxemex u n-nies ta' Bet-għanat kienu jaħdmulhom bilfors.

34L-Amurrin għalqu lil ulied Dan fuq il-muntanji għax ma ħallewhomx jinżlu fil-wita.

35L-Amurrin baqgħu jgħammru fuq il-muntanja Heres, f'Ajjalon u f'Sagħalbim; imma meta ssaħħet il-qawwa tat-tribù ta' Ġużeppi ġagħluhom jaħdmulhom bilfors.

36L-art tal-Amurrin kienet tibda mit-telgħa ta' Akrabbim 'il fuq minn Sela.

## Mħallfin 2

### L-oraklu f'Bokim

1U l-Anġlu tal-Mulej tala' minn Gilgal għal Bokim u qal: "Jien tellajtkom mill-Eġittu, u wassaltkom fl-art li kont wegħedt lil missirijietkom, u għedt: 'Ma nħassar qatt il-patt li għamilt magħkom,

2u intom min-naħa tagħkom ma tagħmlu ebda patt man-nies ta' din l-art u għandkom tkissru l-artali tagħhom.' Imma intom ma smajtux minn kliemi, u araw x'għamiltu!

3U issa ngħidilkom: 'Ma nkeċċihomx minn quddiemkom, u jibqgħu ma' ġniebkom u allathom ikunulkom ta' xibka.' "

4U ġara li malli l-Anġlu tal-Mulej temm jgħid dan il-kliem lil ulied Iżrael kollu, il-poplu għolla leħnu u bdew jibku.

5U semmew dak il-post Bokim u hemm offrew sagrifiċċju lill-Mulej.

### L-infedeltà tal-poplu ta' Iżrael

6Ġożwè bagħat il-poplu f'daru u wlied Iżrael marru, kulħadd fl-art li messitu biex jeħodha f'idejh.

7U l-poplu serva lill-Mulej il-jiem kollha ta' Ġożwè u l-jiem kollha tax-xjuħ li baqgħu ħajjin wara Ġożwè, u li kienu raw kulma kien għamel il-Mulej, l-opri kbar kollha li għamel għal Iżrael.

8U miet Ġożwè bin Nun, il-qaddej tal-Mulej, fl-għomor ta' mija u għaxar snin.

9U difnuh fl-art li messitu f'Timnat-ħeres, fil-muntanji ta' Efrajm, fuq it-Tramuntana tal-muntanja Ġagħas.


© 2020 Malta Bible Society.

10U dik il-ġenerazzjoni kollha ngħabru ma' missirijiethom; u mbagħad telgħet ġenerazzjoni oħra warajhom, li ma kinitx taf il-Mulej u anqas x'għamel il-Mulej għal Iżrael.

11U wlied Iżrael għamlu l-ħażin f'għajnejn il-Mulej u servew lill-allat Bagħalim.

12Telqu l-Mulej, Alla ta' missirijiethom, li ħariġhom mill-art tal-Eġittu, u marru wara allat oħra minn fost l-allat tal-ġnus ta' madwarhom, u bdew jadurawhom; u inkurlaw lill-Mulej.

13U telqu lill-Mulej u servew lil Bagħal u lil Għastarot.

14U xegħlet il-korla tal-Mulej għal Iżrael, u telaqhom f'idejn il-ħallelin li serquhom, u biegħhom f'idejn l-għedewwa tagħhom ta' madwarhom, hekk li ma setgħux iżjed jieqfu lill-għedewwa tagħhom.

15Kull meta kienu joħorġu għat-taqbid id il-Mulej kienet kontrihom bħalma kien qal il-Mulej, u kif kien ħalfilhom il-Mulej; u kellhom dwejjaq kbar.

16U l-Mulej kien iqajjem l-imħallfin, u dawn kienu jsalvawhom minn id il-ħallelin.

17Imma anqas mill-imħallfin tagħhom ma semgħu; anzi żnew wara allat oħra u adurawhom. Malajr warrbu mit-triq li mxew fiha missirijiethom, li semgħu l-liġijiet tal-Mulej, ħaġa li huma ma għamluhiex.

18U kull meta l-Mulej kien iqajmilhom l-imħallfin, il-Mulej kien ikun mal-imħallef u kien isalvahom minn id l-għedewwa tagħhom sakemm kien idum ħaj l-imħallef; għax kien il-Mulej iħenn għall-krib tagħhom minħabba dawk li kienu jaħqruhom u jgħakksuhom.

19Iżda meta kien imut l-imħallef, kienu jerġgħu jitħassru, u jsiru agħar minn missirijiethom, u jmorru wara allat oħra biex jaqduhom u jadurawhom; qatt ma nqatgħu mill-għemejjel ħżiena tagħhom u mill-ebusija ta' rashom.

20U l-korla tal-Mulej xegħlet kontra Iżrael u qal: "Talli dan il-poplu kiser il-patt tiegħi li ordnajt lil missirijiethom u ma semgħux minn kliemi,

21jien ma nibqa' nkeċċi lil ħadd iżjed minn quddiemhom, mill-ġnus li ħalla Ġożwè meta miet.

22Bihom jien inġarrab lil Iżrael, u nara jekk iżommux jew le fit-triq tal-Mulej u jimxu fiha, bħalma żammew missirijiethom."

23U l-Mulej ħalla lil dawk il-ġnus u ma qeridhomx malajr, u ma telaqhomx f'idejn Ġożwè.

## Mħallfin 3

1U dawn huma l-ġnus li l-Mulej ħalla biex bihom iġarrab lil Iżrael, lil dawk kollha li ma kinux jafu bit-taqbid li kien sar qabel għal Kangħan.


© 2020 Malta Bible Society.

2L-għan tiegħu kien biss li l-ġenerazzjonijiet ta’ wlied Iżrael jitgħallmu jitqabdu, għallinqas dawk li qatt ma kienu ġarrbu t-taqbid.

3Dawn kienu: Il-ħames prinċpijiet tal-Filistin, il-Kangħanin kollha, is-Sidonin u l-Hiwwin, li kienu jgħammru fil-muntanji tal-Libanu mill-muntanja ta’ Bagħal-ħermon sad-daħla ta’ Hamat.

4U dan kien biex iġarrab bihom lil Iżrael, u jara jisimgħux l-ordnijiet li l-Mulej kien ordna lil missirijiethom permezz ta’ Mosè.

5Hekk ulied Iżrael kienu jgħammru f’nofs il-Kangħanin, il-Ħittin, l-Amurrin, il-Periżżin, il-Ħiwwin u l-Ġebusin.

6U kienu jiżżewġu n-nisa tagħhom, u lil uliedhom subien kienu jżewġulhom il-bniet tagħhom; u kienu jservu l-allat tagħhom.

### L-imħallef Għotnijel

7Ulied Iżrael għamlu l-ħażin f’għajnejn il-Mulej, insew il-Mulej, Alla tagħhom, u marru jservu lill-Bagħalim u x-xbihat tal-Asera.

8Il-Mulej xegħel bil-korla għal Iżrael u biegħhom f’idejn Kusan-risgħatajm, sultan ta’ Aram-naħarajm, u wlied Iżrael damu mjassra taħt Kusan-risgħatajm għal tmien snin sħaħ.

9Imbagħad ulied Iżrael għajtu lill-Mulej u l-Mulej qajjem salvatur lil ulied Iżrael, li ħelishom, Għotnijel bin Kenaż, ħu Kaleb, iżgħar minnu.

10U l-ispirtu tal-Mulej kien fuqu, u sar imħallef fuq Iżrael, u ħareġ għall-gwerra, u l-Mulej reħa f’idejh lil Kusan-risgħatajm, sultan ta’ Aram. Għotnijel kien qawwi wisq għal Kusan-risgħatajm.

11U l-art strieħet għal erbgħin sena; u Għotnijel bin Kenaż miet.

### L-imħallef Eħud

12U wlied Iżrael issuktaw jagħmlu l-ħażin f’għajnejn il-Mulej u l-Mulej saħħaħ lil Għeglon, sultan ta’ Mowab, kontra Iżrael għax dawn għamlu l-ħażen f’għajnejn il-Mulej.

13Għeglon ġabar miegħu l-Għammonin u l-Għamalekin, u ħareġ jaħbat għal Iżrael, u ħa f’idejh Belt it-tamar.

14U wlied Iżrael qdew lil Għeglon, sultan ta’ Mowab, għal tmintax-il sena.

15U wlied Iżrael għajtu lill-Mulej, u l-Mulej qajmilhom salvatur, lil Eħud bin Gera, raġel xellugi mit-tribù ta’ Benjamin. U wlied Iżrael bagħtuh bit-tribut f’idu għand Għeglon, sultan ta’ Mowab.

16U Eħud għamel sejf b’żewġt ixfar, twil driegħ, u rabtu mal-ħżiem minn taħt il-ħwejjeġ fuq ġenbu tal-lemin.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

17U mar joffri t-tribut lil Għeglon, sultan ta' Mowab; u Għeglon kien raġel smin ħafna.

18U ġara li malli temm joffri t-tribut, Eħud bagħat in-nies li kienu jġorruh.

19U hu raġa' lura minn ħdejn l-idoli li hemm ħdejn Gilgal u qallu: "Għandi kelma moħbija xi ngħidlek, Sultan." Is-sultan ordna s-skiet u dawk li kienu preżenti ħdejh ħarġu 'l barra.

20Eħud resaq lejh, u hu kien waħdu fl-għorfa friska li kellu fuq, u Eħud qallu: "Għandi kelma minn Alla għalik," u s-sultan qam minn fuq is-siġġu.

21Eħud imbagħad ħareġ idu x-xellugija, silet is-sejf minn ma' ġenbu tal-lemin, u daħħalhulu f'żaqqu.

22U daħal saħansitra l-manku max-xafra, u x-xaħam għalaq fuq ix-xafra, għax ma kienx silet lura s-sejf minn żaqqu u ħmieġu ħareġ barra.

23Imbagħad Eħud ħareġ fis-setaħ, u għalaq il-bieb tal-għorfa ta' fuq, u sakkar warajh.

24U hu ħareġ; u l-qaddejja tas-sultan, meta raw il-bieb tal-għorfa msakkar qalu: "Għandu mnejn qiegħed jaqdi l-bżonnijiet tiegħu fl-għorfa friska."

25U qagħdu jistennew sa ma bdew jitħassbu; u billi hu baqa' ma fetaħx il-bieb tal-għorfa, qabdu l-muftieħ u fetħu, u sabu hemm lil sidhom mixħut mejjet fl-art.

26Eħud laħaq ħarab sakemm huma qagħdu jitħassbu, għadda 'l hemm mill-idoli, u wasal bis-sliema f'Segħira.

27Malli wasal hemm daqq il-kornu minn fuq il-muntanji ta' Efrajm, u wlied Iżrael niżlu flimkien miegħu minn fuq il-muntanji, u hu quddiem nett.

28Hu qalilhom: "Imxu warajja għax il-Mulej reħa f'idejkom il-Mowabin, l-għedewwa tagħkom." U niżlu warajh, u ħadu f'idejhom il-mogħdijiet tal-Ġordan lejn Mowab, u ma ħallew lil ħadd jgħaddi.

29U qatlu dakinhar madwar għaxart elef ruħ mill-Mowabin, kollha nies b'saħħithom u ta' ħila, u ebda bniedem ma salva.

30U Mowab dakinhar waqgħet f'idejn Iżrael, u l-art strieħet għal tmenin sena.

### L-imħallef Samgar

31Wara Eħud kien hemm Samgar bin Għanat, u dan darab sitt mitt raġel mill-Filistin b'niggiesa tal-baqar, u hekk ħeles hu wkoll lil Iżrael.

## Mħallfin 4

### Debora u Barak

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

1 Wara li miet Eħud, ulied Iżrael reġgħu għamlu l-ħażen f'għajnejn il-Mulej,

2 u l-Mulej biegħhom f'id Ġabin, sultan ta' Kangħan, li kien isaltan f'Hasor; u l-
kmandant tal-eżerċtu tiegħu kien Sisera, li kien joqgħod f'Haroset tal-ġnus.

3 U wlied Iżrael għajtu lill-Mulej, għax dan is-sultan kellu disa' mitt karru tal-
ħadid, u kien ilu jgħakkes lil ulied Iżrael għal għoxrin sena sħaħ.

4 Dik il-ħabta kien hemm Debora, mara profeta u mart Lappidot; kienet imħallef
f'Iżrael.

5 Kienet toqgħod taħt it-tamra ta' Debora, bejn Rama u Betel, fuq il-muntanji ta'
Efrajm, u wlied Iżrael kienu jitilgħu biex tagħmlilhom il-ħaqq bejniethom.

6 U bagħtet issejjaħ lil Barak bin Abinogħam, minn Kedes ta' Naftali, u qaltlu: "Il-
Mulej, Alla ta' Iżrael, ta din l-ordni: 'Mur u ħu għaxart elef raġel minn ulied Naftali
u minn ulied Żebulun, u erħilha bihom lejn il-muntanja tat-Tabor.

7 U jien inġiblek ħdejn il-wied ta' Kison lil Sisera, il-kmandant tal-eżerċtu ta'
Ġabin, bil-karrijiet u l-kotra tiegħu, u nerħih f'idejk.' "

8 U Barak weġibha: "Jekk int tiġi miegħi, jien immur; jekk ma tiġix miegħi, ma
mmurx."

9 U Debora wieġbet: "Jien niġi miegħek; imma ma jkollokx glorja fit-triq li se
taqbad, għaliex b'id ta' mara se jbigħ il-Mulej lil Sisera." U qamet Debora u
marret ma' Barak f'Kedes.

10 Barak, imbagħad, ġabar lil Żebulun u lil Naftali f'Kedes u telgħu miegħu
għaxart elef raġel, u telgħet ukoll miegħu Debora.

11 Heber il-Keni kien infired mill-Kenin, minn ulied Hobab, ħaten Mosè, u waqqaf
it-tined tiegħu ħdejn il-Balluta f'Sagħnannin ħdejn Kedes.

12 U 'l Sisera wasslulu l-aħbar li Barak bin Abinogħam kien tala' fuq il-muntanja
tat-Tabor.

13 U Sisera ġabar il-karrijiet kollha tiegħu, disa' mitt karru tal-ħadid, u n-nies
kollha li kellu miegħu minn Haroset-ħaggojjim sal-wied ta' Kison.

14 U Debora qalet lil Barak: "Qum għax dan hu l-jum li fih il-Mulej reħa f'idejk lil
Sisera. Il-Mulej se joħroġ quddiemek." U Barak niżel mill-muntanja tat-Tabor
b'għaxart elef raġel warajh.

15 U l-Mulej ħarbat lil Sisera, u l-karrijiet tiegħu, u l-kotra kollha għaddiehom
minn xifer ix-xabla quddiem Barak. U Sisera niżel mill-karru, u ħarab bil-mixi.

16 U Barak għamel għal wara l-karrijiet, u wara l-eżerċtu sa Haroset-ħaggojjim; u
waqa' l-eżerċtu kollu ta' Sisera b'xifer ix-xabla, u anqas wieħed ma baqa'
minnhom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

17U Sisera ħarab bil-mixi lejn it-tinda ta' Ġagħel, il-mara ta' Heber il-Keni, għax kien hemm il-paċi bejn Ġabin, is-sultan ta' Hasor, u bejn id-dar ta' Heber il-Keni.

18U Ġagħel ħarġet tilqa' lil Sisera u qaltlu: "Idħol hawn, Sidi, idħol għandi. La tibżax." U daħal għandha fl-għarix, u għattietu b'tapit.

19U hu qalilha: "Isqini daqsxejn ilma, għax bini l-għatx." Fetħet żaqq ħalib, u sqietu, u għattietu.

20U hu qalilha: "Oqgħod fil-bieb tal-għarix, u jekk jiġi xi ħadd, u jistaqsik u jgħidlek jekk hawnx xi ħadd, għidlu: 'Ma hawnx.' "

21Imbagħad Ġagħel, il-mara ta' Heber, ħadet kunjard tat-tined, qabdet martell f'idha, u resqet ħdejh inkiss inkiss, u sammret il-kunjard ġo nagħsu u nifdithulu sal-art. U hu kien għajjien u rieqed fil-fond, u baqa' mejjet hemm.

22U hemm hu Barak ġej jiġri wara Sisera. Ġagħel ħarġet tilqgħu u qaltlu: "Ejja, u ara r-raġel li int qiegħed tfittex." U daħal għandha, u hemm kien Sisera mejjet fl-art, u l-kunjard f'nagħsu.

23U hekk dakinhar Alla ġieb fix-xejn lil Ġabin, sultan ta' Kangħan, quddiem ulied Iżrael.

24U id ulied Iżrael baqgħet dejjem tagħfas fuq Ġabin, sultan ta' Kangħan, sakemm qerdu għalkollox lil Ġabin, sultan ta' Kangħan.

## Mħallfin 5

### L-għanja ta' Debora

1Imbagħad Debora u Barak bin Abinogħam dakinhar għannew din l-għanja:

2Talli l-mexxejja ta' Iżrael, bi dlielhom maħlula; talli l-poplu minn rajh ta ruħu; bierku lil Jaħweh!

3Isimgħu, Slaten! agħtu widen, kbarat! Jien lil Jaħweh, jien ngħanni, indoqq lil Jaħweh, Alla ta' Iżrael.

4Jaħweh, int u ħiereġ minn Segħir, int u tiela' minn Edom, triegħdet l-art, u nħallu s-smewwiet, tqattar l-ilma mis-sħab,

5theżżu l-iġbla quddiem Jaħweh, ġebel Sinaj, quddiem Jaħweh, Alla ta' Iżrael.

6Fi żmien Samgar bin Għanat, fi żmien Ġagħel, waqfu l-karwani, u fl-imwarrab terrqu n-nies;

7ħemdu l-irħula f'Iżrael, ħemdu, sa ma qomt jien, Debora, sa ma qomt jien, omm f'Iżrael!

8Allat ġodda ħatru, u ġo bliethom ġiethom il-gwerra. Tarka f'Iżrael ma kinitx tidher, u lanqas lanza f'erbgħin elf f'Iżrael.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

9Minn qalbi ndur lejn il-kbarat ta’ Iżrael, lejkom li tajtu ruħkom lill-poplu: Bierku
lil Jaħweh!

10Intom riekba fuq il-ħmir xehbiena, intom mixħuta fuq it-twapet, intom miexja
fit-triq, għannu lkoll!

11Isma’ l-għannejja ħdejn il-bjar, hemm itennu r-rebħiet ta’ Jaħweh, ir-rebħiet
tiegħu b’risq Iżrael. Sal-bibien niżel il-poplu ta’ Jaħweh.

12Stenbaħ! Stenbaħ, Debora! Stenbaħ! Stenbaħ, għanni għanja! Qum, Barak,
agħżel il-priġunieri, bin Abinogħam!

13Imbagħad niżlu l-bqija tan-nobbli, il-poplu ta’ Jaħweh niżel għalih bil-
qawwijin.

14Minn Efrajm niżlu fil-wied, warajk fost niesek, Benjamin. Minn Makir niżlu l-
mexxejja, u minn Żebulun in-nies b’ħatar il-kmand;

15u l-kbarat ta’ Issakar ma’ Debora. Issakar żamm sħiħ ma’ Barak, u lejn il-wied
irħielha. Fost il-familji ta’ Ruben, firdiet kbar ta’ fehmiet il-qalb.

16Għala bqajt fl-imqawel? Għala bqajt tisma’ tisfir ir-rgħajja? Fost il-familji ta’
Ruben, firdiet kbar ta’ fehmiet il-qalb.

17Gilgħad baqa’ ’l hemm mill-Ġordan. U int, Dan, għala bqajt ’il bogħod ħdejn l-
iġfien? Aser qagħad jitlajja fuq xatt il-baħar, u ħdejn il-qaliet tiegħu baqa’.

18Żebulun sal-mewt ma jibżax għal ħajtu, flimkien ma’ Naftali fuq il-wita fil-għoli.

19Ġew is-slaten, u bdew jitqabdu; tqabdu mbagħad is-slaten ta’ Kangħan,
f’Tagħnak ħdejn l-ilma ta’ Megiddu; ebda priża ta’ fidda ma ħadu.

20Sa l-kwiekeb tqabdu mis-smewwiet, il-kwiekeb minn triqathom tqabdu ma’
Sisera.

21Ġarrhom il-wied ta’ Kison, wied qalbieni, il-wied ta’ Kison! Agħmel il-ħila,
imbotta ’l quddiem, ruħ tiegħi!

22Imbagħad ħabbtu dwiefer iż-żwiemel, u lebbtu fuq li lebbtu l-ġerrejja tiegħu.

23Isħtu lil Meroż, għajjat l-anġlu tal-Mulej Isħtu, isħtuh lil min jgħammar fih. Ma
għenux lil Jaħweh, ebda għajnuna ma taw lil Jaħweh u l-qalbenin.

24Imbierka fost in-nisa Ġagħel, il-mara ta’ Ħeber il-Keni, fost in-nisa tal-għerejjex
imbierka.

25Ilma talabha, u l-ħalib tatu; f’bieqja tal-kbarat newlitlu l-baqta.

26Meddet idejha għall-kunjard, u lemintha għall-martell tal-ħaddiem. Darbet lil
Sisera, u r-ras saħqitlu; nifditlu nagħsu u saħqithulu.


© 2020 Malta Bible Society.

27F’riġlejha miel, u waqa’, u nxteħet fl-art; ‘il fejn miel, hemm waqa’, u mejjet baqa’.

28Mit-tieqa xirfet u għajtet, Omm Sisera, mit-tieqa mxebbka: ‘X’kien iddawwar ma ġie l-mirkeb tiegħu? X’kien mitnikkra l-imriekeb tiegħu?’

29Wieġbet l-egħref fost il-kbarat tan-nisa tagħha, u hi stess kellha t-tweġiba tagħha:

30‘Humiex ifittxu jaqsmu l-priża? Lil kull raġel, tfajla jew tnejn; priża ta’ xaqaq bil-kulur u r-rakkmu, żewġ xaqaq bil-kulur u r-rakkmu, għal għonq Sisera?’

31Hekk jintemmu l-għedewwa tiegħek, Jaħweh! Imma dawk li jħobbuk, bħal ħruġ ix-xemx fil-qawwa tagħha!” U hekk il-pajjiż kellu mistrieħ għal erbgħin sena.

## Mħallfin 6

### Il-ħbit tal-Midjanin

1U wlied Iżrael reġgħu għamlu l-ħażen f’għajnejn il-Mulej, u l-Mulej telaqhom f’idejn il-Midjanin għal seba’ snin.

2U id Midjan tqalet sewwa fuq Iżrael. Minħabba Midjan ulied Iżrael kellhom imorru joqogħdu fil-ħofor fil-muntanji, fl-għerien u l-fortizzi fuq l-għoljiet.

3U kull meta l-Iżraelin kienu jiżirgħu, kienu jitilgħu l-Midjanin u l-Għamalekin u n-nies tal-Lvant u jagħmlu għalihom.

4U jwaqqfu t-tined tagħhom ħdejhom, u jeqirdu l-uċuħ tar-raba’ sa ħdejn Gaża, u ma jħallu xejn għall-għajxien ta’ Iżrael, u la mrieħel, u la baqar u la ħmir.

5Kienu jiġu bl-imrieħel tagħhom, bit-tined tagħhom kotrana daqs il-ġradijiet, u iġmla bla għadd, u kienu jiġu jħarbtu l-art kollha.

6Iżrael kien mgħakkes sewwa minn Midjan, u wlied Iżrael għajtu lill-Mulej.

7Meta wlied Iżrael għajtu lill-Mulej minħabba Midjan,

8il-Mulej bagħat wieħed profeta lil ulied Iżrael, u qalilhom: “Dan hu li jgħid il-Mulej, Alla ta’ Iżrael: ‘Jiena tellajtkom mill-Eġittu u ħriġtkom minn art il-jasar,

9u ħlistkom minn idejn l-Eġizzjani, u minn idejn dawk kollha li kienu jaħqrukom, u keċċejthom minn quddiemkom, u tajtkom arthom.

10U għedtilkom: ‘Jiena hu l-Mulej, Alla tagħkom. La tqimux l-allat tal-Amurrin li intom qegħdin tgħammru f’arthom, imma intom ma smajtux minn kliemi.’ ”

### Is-sejħa ta’ Gidgħon


© 2020 Malta Bible Society.

11L-anġlu tal-Mulej ġie u qagħad taħt il-balluta li hemm f'Għofra, li hi ta' Ġowas
l-Abigħeżri; u ibnu Gidgħon kien qiegħed jidres il-qamħ fil-magħsar biex jeħilsu
mill-aktar fis mill-Midjanin.

12U deherlu l-anġlu tal-Mulej u qallu: "Il-Mulej miegħek, raġel qalbieni!"

13U Gidgħon qallu: "Imma għidli, Sidi, jekk il-Mulej magħna għaliex ġralna dan
kollu? Fejn huma l-opri l-kbar li kienu jgħidulna bihom missirijietna, u qalulna:
'Ma tellagħniex mill-Eġittu l-Mulej?' U issa għala l-Mulej telaqna u rħiena f'idejn
il-Midjanin?"

14Il-Mulej dar lejh u qallu: "Mur u eħles b'din il-qawwa tiegħek lil Iżrael mill-
ħakma ta' idejn Midjan. M'hux jien bgħattek?"

15U Gidgħon wieġbu: "Iddew, Sidi, biex se neħles lil Iżrael? Ara, il-familja tiegħi
hi l-inqas waħda fit-tribù ta' Manassi, u jien iż-żgħir f'dar missieri."

16U l-Mulej wieġbu: "Jiena nkun miegħek! Int tidrob il-Midjanin, bħallikieku
kienu raġel wieħed."

17U wieġbu: "Jekk jien sibt ħniena f'għajnejk, agħmilli sinjal li inti qiegħed
tkellimni.

18Twarrabx minn hawn sa ma nerġa' niġi ħdejk u nġib l-offerta tiegħi u
noffrihielek." U dak wieġbu: "Jien noqgħod hawn sa ma tiġi."

19U Gidgħon mar u ħejja gidi u ħa efa dqiq u għamilha ftajjar bla ħmira; il-laħam
qiegħdu f'qoffa u l-meraq qiegħdu f'borma, u ġibhomlu quddiemu taħt il-balluta.

20U l-anġlu tal-Mulej qallu: "Ħu l-laħam u l-ftajjar, u qegħedhom fuq din il-blata
u sawwab il-meraq." U hekk għamel.

21Imbagħad l-anġlu tal-Mulej medd tarf il-ħatar, li kellu f'idu, u mess bih il-laħam
u l-ftajjar, u ħareġ in-nar mill-blata, u ħaraq il-laħam u l-ftajjar, u l-anġlu tal-
Mulej għab minn quddiemu.

22U Gidgħon ra li kien l-anġlu tal-Mulej u qal: "Ah, Sidi Mulej! Rajt jien l-anġlu tal-
Mulej wiċċ imb wiċċ."

23U l-Mulej qallu: "Sliem għalik, la tibżax! M'intix se tmut."

24Gidgħon imbagħad bena artal lill-Mulej u sejjaħlu: 'Jaħweh - sliem.' Għadu
hemm sal-lum f'Għofra tal-Abigħeżrin.

25U ġara li dak il-lejl qallu l-Mulej: "Ħu għoġol milli għandu missierek, it-tieni
għoġol ta' seba' snin, u ħott l-artal ta' Bagħal, li għandu missierek, u qaċċat ix-
xbieha tal-Asera ta' ħdejh.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

26 U ibni artal kif għandu jkun lill-Mulej, Alla tiegħek, fuq ras din l-għolja, u mbagħad tieħu t-tieni għoġol, u toffrih maħruq bil-ħatab tal-Asera li tkun qaċċatt."

27 Gidgħon ħa għaxart irġiel mill-qaddejja tiegħu, u għamel kif qallu l-Mulej. Iżda billi beża' minn dar missieru u n-nies tal-belt jagħmel dan binhar, għamlu billejl.

28 Kif qamu filgħodu n-nies tal-belt sabu l-artal ta' Bagħal imġarraf u l-Asera ta' ħdejh imqaċċta, u t-tieni għoġol issagrifikat fuq l-artal li kien bena.

29 U bdew jgħidu wieħed lil ieħor: "Min għamel dan?" U staqsew, u fittxew, u qalu: "Gidgħon bin Ġowas għamel dan."

30 U n-nies tal-belt qalu lil Ġowas: "Oħroġ lil ibnek ħa noqtluh, talli ġarraf l-artal ta' Bagħal u qaċċat l-Asera li kienet ħdejh."

31 U Ġowas wieġeb lil dawk li kienu preżenti madwaru: "Tridu intom taqbżu għal Bagħal? Intom se tgħinuh? Min jaqbeż għalih, sa filgħodu jkun mejjet. Jekk Bagħal hu alla tassew, jiddefendi ruħu hu, talli ġarrfulu l-artal tiegħu."

32 U dakinhar semmew lil Gidgħon, Ġerub-bagħal', jiġifieri 'ħa jeħodha kontrih Bagħal', għax kien ġarraf l-artal ta' Bagħal.

### L-invażjoni tal-Midjanin

33 Il-Midjanin ilkoll u l-Għamalekin u n-nies tal-Lvant inġabru, u ngħaqdu flimkien, u qasmu l-Ġordan, u waqqfu l-kamp fil-wita ta' Ġisragħel.

34 U l-ispirtu tal-Mulej ħataf lil Gidgħon, u dan daqq it-tromba, u nġemgħu l-Abigħeżrin għal warajh.

35 Bagħat ukoll messaġġiera għand Manassi, u dawn inġabru wkoll għal warajh; u messaġġiera oħra għand Aser u Żebulun u Naftali, u telgħu għal magħhom.

36 U Gidgħon qal lil Alla: "Jekk inti se ssalva lil Iżrael permezz tiegħi kif għedtli,

37 arani, jien se nqiegħed din il-ġeżża suf fuq l-andar, jekk in-nida taqa' fuqha weħidha, u l-art tibqa' niexfa madwarha, jien inkun naf li int se teħles lil Iżrael permezz tiegħi kif għedtli."

38 U hekk ġara. L-għada bakkar, u għasar il-ġeżża, u ħarġet minnha daqs bieqja nida.

39 U Gidgħon qal lil Alla: "La tisħonx għalija! Ha nitkellem u ngarrbek darba oħra biss: Ha jkun hemm l-inxief fuq il-ġeżża weħidha u n-nida fuq l-art."

40 U Alla għamel hekk matul il-lejl; u kien hemm l-inxief fuq il-ġeżża weħidha u nida fuq l-art kollha.

## Mħallfin 7

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

### L-għażla tal-gwerriera

1U Ġerub-bagħal, jiġifieri Gidgħon, u n-nies tiegħu, qamu filgħodu kmieni, u waqqfu l-kamp ħdejn Għajn-ħarod; u l-kamp tal-Midjanin kien lejn it-Tramuntana ta' Gidgħon, fil-wita ħdejn l-għolja Mori.

2U l-Mulej qal lil Gidgħon: "Għandek nies wisq miegħek biex nerħi lill-Midjanin f'idejhom; Iżrael jibda jiftaħar minn fuqi u jgħid: 'Idi salvatni'.

3Għalhekk issa kellem lin-nies u xandar li jisimgħuk u għidilhom: 'Min jibża' u jitwerwer jerġa' lura.' U reġgħu lura mill-kotra tnejn u għoxrin elf, u baqgħu għaxart elef ruħ.

4U l-Mulej raġa' qal lil Gidgħon: "Għad fadal wisq nies; niżżilhom ħdejn l-ilma, u hemm nagħmillek l-għażla; u 'l min ngħidlek: 'Dan jiġi miegħek', dan jiġi miegħek, u 'l kull min ngħidlek: 'Dan ma jiġix miegħek', dan ma jiġix miegħek."

5U niżżel in-nies ħdejn l-ilma. U l-Mulej qal lil Gidgħon: "Kull min jilgħaq l-ilma bi lsienu bħalma jilagħqu l-klieb, qiegħdu għalih; u kull min jinżel għarkupptejh biex jixrob qiegħdu għalih".

6U l-għadd ta' dawk li lagħqu l-ilma minn idejhom ma' fommhom kienu ta' tliet mitt ruħ, u l-bqija tan-nies niżlu għarkupptejhom biex jixorbu l-ilma.

7U l-Mulej qal lil Gidgħon: "Bit-tliet mitt raġel li lagħqu l-ilma, jien insalvakom u nerħi lill-Midjanin f'idejk, u n-nies l-oħra kulħadd imur f'postu."

8Imbagħad in-nies kollha ħadu l-ġarar f'idejhom u t-trombi tagħhom, u l-Iżraelin l-oħra bagħathom, kulħadd fl-għarix tiegħu, u ħa miegħu t-tliet mitt raġel. Il-kamp tal-Midjanin kien taħtu fil-wita.

### Il-ħolma u r-rebħa ta' Gidgħon

9Dak il-lejl il-Mulej qallu: "Qum u inżel fil-kamp, għax irħejtu f'idejk.

10U jekk tibża' tinżel int, inżel int u Pura, il-qaddej tiegħek, fil-kamp.

11Issamma' xi jkunu jgħidu, imbagħad tagħmel il-ħila, u tinżel fil-kamp." U niżel hu u Pura, il-qaddej tiegħu, sa ħdejn l-għases tal-kamp.

12U l-Midjanin u l-Għamalekin u n-nies tal-Lvant kienu kollha mifruxa fil-wita, kotrana bħall-ġradijiet, u l-iġmla tagħhom daqs ir-ramel f'xatt il-baħar.

13Wasal Gidgħon u sama' wieħed jirrakkonta ħolma lil sieħbu u jgħidlu: "Ara, ħlomt ħolma: rajt bħal ħobża tonda tax-xgħir titgerbeb fil-kamp ta' Midjan, ġiet ħdejn għarix, laqtitu u waqqgħetu, u qalbitu ta' taħt fuq, u l-għarix waqa' fl-art."

14U sieħbu wieġeb, u qallu: "Din mhijiex ħaġa oħra ħlief ix-xabla ta' Gidgħon bin Ġowas, l-Iżraeli. Alla tah f'idejh lill-Midjanin u l-kamp kollu."


© 2020 Malta Bible Society.

15Ġara li malli sama' l-ħolma u t-tifsira tagħha, Gidgħon niżel wiċċu fl-art u raġa' lura lejn il-kamp ta' Iżrael, u qal: "Qumu, għax il-Mulej reħa f'idejkom il-kamp tal-Midjanin."

16Imbagħad qassam it-tliet mitt raġel fi tliet taqsimiet; tahom tromba kull wieħed, u ġarar vojta, u torċi f'nofs il-ġarar.

17U qalilhom: "Harsu lejja u agħmlu bħali: Jiena mmur f'tarf il-kamp, u kif nagħmel jien, agħmlu intom.

18Malli ndoqq it-tromba, jien u dawk li jkunu miegħi, doqqu wkoll intom it-trombi madwar il-kamp kollu u għajtu: 'Għall-Mulej u għal Gidgħon!' "

19U Gidgħon flimkien mal-mitt raġel li kellu miegħu wasal sa tarf il-kamp fil-bidu tal-għassa tan-nofs; kienu għadhom kemm qiegħdu l-għases meta daqqew it-trombi u kissru l-ġarar li kellhom f'idejhom,

20u t-tliet taqsimiet daqqew it-trombi u kissru l-ġarar, u qabdu f'idhom ix-xellugija t-torċi u f'idhom il-leminija t-trombi biex idoqqu, u għajtu: "Xabla għall-Mulej u għal Gidgħon!"

21U huma baqgħu kulħadd f'postu madwar il-kamp; u l-kamp kollu kien kollu ġiri u għajjat, u n-nies kollha ħarbu.

22It-tliet mitt raġel baqgħu jdoqqu t-trombi, u l-Mulej dawwar ix-xabla ta' kull wieħed mill-Midjanin lejn sieħbu mal-kamp kollu; u ħarab il-kamp kollu sa Bet-sitta lejn Serera sa xatt Abel-meħola ħdejn Tabbat.

23U minn Naftali u Aser u minn Manassi kollu nġemgħu n-nies ta' Iżrael, u għamlu għal wara l-Midjanin.

24U Gidgħon bagħat messaġġiera mal-muntanji kollha ta' Efrajm jgħidilhom: "Inżlu biex tilqgħu lill-Midjanin; aqtgħulhom il-mogħdijiet tax-xmara matul il-Ġordan sa Bet-bara." U nġemgħu n-nies ta' Efrajm kollha, u ħadu f'idejhom il-mogħdijiet tax-xmara matul il-Ġordan sa Bet-bara.

25U qabdu ż-żewġ prinċpijiet ta' Midjan, Għoreb u Żeb. U qatlu lil Għoreb fuq il-blata ta' Għoreb, u lil Żeb ħdejn il-magħsar ta' Żeb, u baqgħu sejrin għal wara l-Midjanin; u ġiebu l-irjus ta' Għoreb u Żeb lil Gidgħon 'l hemm mill-Ġordan.

## Mħallfin 8

### Wara t-taqtigħa

1U n-nies ta' Efrajm qalulu: "Għaliex għamiltilna hekk, li ma sejjaħtilniex meta mort titqabad mal-Midjanin?" U tlewmu miegħu bl-aħrax.

2U weġibhom: "X'għamilt jien ħdejkom? Mhux aħjar għanqud żgħir ta' Efrajm mill-ġabra sħiħa ta' Abigħeżer?

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

3F'idejkom reħa Alla l-prinċpijiet ta' Midjan, Għoreb u Żeb; xi stajt nagħmel jien aqwa milli għamiltu intom?" U birdet is-saħna li kellhom għalih malli qalilhom dan il-kliem.

4Gidgħon wasal ħdejn il-Ġordan, u qasam, hu u t-tliet mitt raġel li kellu miegħu, għajjenin u bil-ġuħ.

5U qal lin-nies ta' Sukkot: "Iddew, agħtu ftajjar tal-ħobż lin-nies li għandi miegħi, għaliex huma għajjenin, u jien qiegħed niġri wara Żebaħ u Salmunna, slaten ta' Midjan."

6U l-kapijiet ta' Sukkot wieġbu: "Jaqaw idejn Żebaħ u Salmunna f'idejk, biex nagħtu l-ħobż lill-qtajja' tiegħek?"

7U Gidgħon wieġeb: "Tajjeb! Meta l-Mulej jagħtini f'idejja lil Żebaħ u lil Salmunna, nidres ġisimkom bix-xewk u bl-għollieq tax-xagħri."

8U tala' minn hemm għal Penuwel u qalilhom l-istess; u n-nies ta' Penuwel wieġbu l-istess bħan-nies ta' Sukkot.

9U hu wieġeb l-istess lin-nies ta' Penuwel u qalilhom: "Meta nerġa' lura bis-sliem, inġarraf dan it-torri."

10Żebaħ u Salmunna kienu f'Karkor bil-kamp tagħhom, b'xi ħmistax-il elf raġel; dan kulma kien baqa' mill-kamp kollu ta' wlied il-Lvant, li minnhom kienu waqgħu xi mija u għoxrin elf raġel kapaċi jħaddmu x-xabla.

11Gidgħon tala' u qabad it-triq tan-nies li jgħammru fit-tined, fuq in-naħa tal-Lvant ta' Noba u Ġogħba, u ħarbat il-kamp, meta n-nies ma kellhom ebda ħsieb ta' xejn.

12Żebaħ u Salmunna ħarbu, u hu għamel għal warajhom, u qabad f'idejh lil dawn iż-żewġ slaten tal-Midjanin, Żebaħ u Salmunna, u ħarbat il-kamp kollu.

13Gidgħon bin Ġowas raġa' lura mit-taqbida mit-telgħa ta' Heres.

14U qabad żagħżugħ min-nies ta' Sukkot u staqsieh; u dan kitiblu l-ismijiet tal-kapijiet u x-xjuħ ta' Sukkot, sebgħa u sebgħin raġel.

15U mar għand in-nies ta' Sukkot u qalilhom: "Hawn huma Żebaħ u Salmunna li għajjartuni bihom u staqsejtuni: 'Għandek forsi f'idejk 'il Żebaħ u Salmunna biex nagħtuk il-ħobż għal niesek għajjenin?' "

16U qabad il-kbarat tal-belt; u ħa x-xewk u l-għollieq mix-xagħri, u dires bihom in-nies ta' Sukkot.

17U ġarraf it-torri ta' Penuwel u qatel in-nies tal-belt.

18U lil Żebaħ u Salmunna qalilhom: "Kif kienu n-nies li qtiltu f'Tabor?" U huma weġbuh: "Jixbhu lilek; kull wieħed donnu bin sultan."


© 2020 Malta Bible Society.

19 U hu qalilhom: “Kienu ħuti, ulied ommi. Daqs kemm hu ħaj il-Mulej, ma kontx noqtolkom, kieku ħallejtuhom ħajjin.”

20 U dar fuq ibnu l-kbir Ġeter u qallu: “Qum u oqtolhom.” Imma ż-żagħżugħ ma silitx ix-xabla għax baża’, billi kien għadu tfal.

21 U Żebaħ u Salmunna qalulu: “Qum, u nxteħet fuqna int, għax int għandek saħħa ta’ raġel.” U qam Gidgħon u qatel lil Żebaħ u lil Salmunna, u ħa l-oqmra li kienu ma’ għonq l-iġmla tagħhom.

### L-aħħar jiem ta’ Gidgħon

22 U n-nies ta’ Iżrael qalu lil Gidgħon: “Saltan fuqna, int u ibnek, u bin ibnek, għax int salvajtna minn id il-Midjanin.”

23 U weġibhom Gidgħon: “Ma nsaltanx fuqkom, la jien u lanqas ibni; il-Mulej isaltan fuqkom.”

24 U ssokta jgħidilhom Gidgħon: “Haġa waħda nitlobkom: agħtuni kull wieħed il-ħoloq li ħadtu mill-priża” - għax kellhom kull wieħed ħoloq tad-deheb, billi l-għedewwa kienu Ismagħelin.

25 U qalulu: “Nagħtuhomlok.” U firxu mantar, u xeħtu fuqu kull wieħed il-ħoloq li kellu mill-priża.

26 U l-piż ta’ dawn il-ħoloq tad-deheb li talab kien ta’ elf u seba’ mitt xekel, barra l-oqmra, l-imsielet, l-ilbies tal-porpra, li kienu fuq is-slaten ta’ Midjan, u l-ħnienaq ta’ madwar għonq l-iġmla tagħhom.

27 U Gidgħon għamel efod u qiegħdu fil-belt tiegħu ta’ Għofra; u l-poplu ta’ Iżrael kollu żena hemm mal-allat, u kienet nassa għal Gidgħon u daru.

28 Hekk il-Midjanin għakksuhom ulied Iżrael, u ma setgħux jerfgħu rashom aktar, u l-art strieħet għal erbgħin sena sakemm baqa’ ħaj Gidgħon.

29 Ġerub-bagħal bin Ġowas mar u għammar f’daru.

30 Gidgħon kellu sebgħin tifel li tnisslu minnu, għax kien iżżewweġ ħafna nisa.

31 Waħda konkubina tiegħu, li kienet toqgħod f’Sikem, wilditlu iben hi wkoll, u semmieh Abimelek.

32 U Gidgħon bin Ġowas miet meta kien xjieħ sewwa, u difnuh fil-qabar ta’ Ġowas missieru f’Għofra ta’ Abigħeżer.

33 U ġara li malli miet Gidgħon ulied Iżrael reġgħu żnew mal-allat Bagħalim u għażlu b’alla tagħhom lil Bagħal-berit;

34 ma ftakrux aktar fil-Mulej Alla tagħhom, li kien ħelishom minn id l-għedewwa tagħhom ta’ madwarhom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

35U ma wrewx imħabba lejn dar Ġerub-bagħal, Gidgħon, għall-ġid kollu li kien għamel ma' Iżrael.

## Mħallfin 9

### Abimelek sultan

1Abimelek bin Ġerub-bagħal mar Sikem, għand ħut ommu, u kellem lilhom u l-familja kollha ta' dar missier ommu, u qalilhom:

2"Għidu f'widnejn il-kbarat kollha ta' Sikem: 'X'inhu l-aħjar għalikom, li jaħkmu fuqkom sebgħin raġel, ilkoll ulied Ġerub-bagħal, jew li jaħkem fuqhom bniedem wieħed? Ftakru li laħamkom u għadamkom jien."

3U ħut ommu tkellmu f'widnejn in-nies ta' Sikem dan il-kliem kollu, u qalbhom inġibdet lejn Abimelek, għax qalu: "Huna hu."

4U tawh sebgħin biċċa tal-fidda mit-tempju ta' Bagħal-berit, u bihom kera nies ta' xejn u bla kont, u marru warajh.

5U mar f'dar missieru f'Għofra, u qatel lil ħutu wlied Ġerub-bagħal, sebgħin wieħed, fuq ħaġra waħda; u baqa' wieħed, Ġotam, l-iben iż-żgħir ta' Ġerub-bagħal, għax kien inħeba.

6Imbagħad inġabru l-kbarat kollha ta' Sikem u Bet-millu, u qabdu u għamlu lil Abimelek sultan ħdejn il-balluta li hemm f'Sikem.

7Meta għarrfuh b'dan, Ġotam mar u qagħad fuq il-quċċata tal-muntanja Gariżim, u għolla leħnu u sejħilhom u qalilhom: "Isimgħu, nies ta' Sikem! Hekk Alla jisma' lilkom.

8Darba marru s-siġar biex jidilku sultan fuqhom. U qalu liż-żebbuġa: 'saltan fuqna.'

9U ż-żebbuġa weġbithom: 'Għandi nħalli jiena żejti, li bih jitweġġħu l-allat u l-bnedmin, biex immur niddandan fuq is-siġar?'

10U s-siġar qalu lit-tina: 'Ejja int, u saltan fuqna.'

11U t-tina weġbithom: 'Għandi nħalli jien il-ħlewwa, u l-frott bnin tiegħi, u mmur niddandan fuq is-siġar?'

12U s-siġar qalu lid-dielja: 'Ejja int, u saltan fuqna.'

13U d-dielja weġbithom: 'Għandi nħalli jien l-inbid tiegħi, li jferraħ l-allat u l-bnedmin, u mmur niddandan fuq is-siġar?'

14U s-siġar kollha qalu lill-għollieq: 'Ejja int, u saltan fuqna.'


© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

15U l-għollieq qal lis-siġar: 'Jekk intom tassew tridu tidilkuni sultan fuqkom, ejjew stkennu taħt delli. Jekk le, joħroġ nar mill-għollieq u jibla' ċ-ċedri tal-Libanu.'

16U issa, taħsbu li għamiltu l-ħaqq u s-sewwa meta għamiltu lil Abimelek sultan fuqkom? Taħsbu li għamiltu l-ġid ma' Ġerub-bagħal u ma' daru? Taħsbu li għamiltu miegħu skont ma għamel hu,

17meta missieri tqabad għalikom, u tarraf ħajtu, u ħeliskom minn id il-Midjanin?

18Intom illum qomtu kontra dar missieri u qtiltu lil uliedu - sebgħin wieħed fuq ħaġra waħda - u għamiltu lil Abimelek, bin il-konkubina tiegħu, fuq in-nies ta' Sikem, għax hu ħukom.

19Jekk għamiltu l-ħaqq u s-sewwa ma' Ġerub-bagħal u ma' daru llum, ifirħu b'Abimelek u hu jifraħ bikom.

20Imma jekk le, ħa joħroġ nar minn Abimelek u jibla' n-nies ta' Sikem u Bet-millu; u mbagħad joħroġ nar min-nies ta' Sikem u Bet-millu, u jibla' lil Abimelek."

21Imbagħad Ġotam ħarab, u għab u mar Bir u baqa' hemm minħabba ħuh Abimelek.

### Irvell f'Sikem

22Tliet snin kien ilu Abimelek jaħkem ta' prinċep fuq Iżrael.

23U Alla bagħat spirtu ħażin bejn Abimelek u bejn in-nies ta' Sikem; u n-nies ta' Sikem qamu kontra Abimelek,

24biex b'hekk titħallas il-qatla tas-sebgħin tifel ta' Ġerub-bagħal, u demmhom jaqa' fuq Abimelek ħuhom, li kien qatilhom, u fuq in-nies ta' Sikem li għenuh biex qatel lil ħutu.

25U n-nies ta' Sikem qegħdulu nies moħbija fuq il-qċaċet tal-għoljiet, u dawn kienu jisirqu lil kull min jgħaddi mit-triq minn dawn l-inħawi; u hekk l-aħbar waslet għand Abimelek.

26U ġie Ġagħal bin Għebed, u ħutu, u għaddew minn Sikem; u n-nies ta' Sikem fdaw ruħhom f'idejh.

27Harġu fir-raba', qatgħu l-għeneb mid-dwieli tagħhom, u għaffġuh fil-magħsar, u għamlu festa; u marru f'dar alla tagħhom u kielu u xorbu, u seħtu lil Abimelek.

28U Ġagħal bin Għebed qal: "Min hu Abimelek? Min hu Sikem, biex aħna naqduh? Ma kienx dan bin Ġerub-bagħal u dan Żebul, qaddej tiegħu, jaqdu lin-nies ta' Ħamor, missier Sikem? Għala għandna naqduhom aħna?

29Li kelli dawn in-nies f'idejja kont inneħħi lil Abimelek u ngħidlu: 'Iġbor in-nies tiegħek u oħroġ u ġġieled.' "

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

30 U Żebul, il-kap tal-belt, sama’ bi kliem Ġagħal bin Għebed, u xegħel bil-korla.

31 U bagħat messaġġiera għand Abimelek f’Aruma jgħidulu: “Ara, Ġagħal bin Għebed u ħutu ġew Sikem, u bdew ixewxu n-nies tal-belt kontra tiegħek.

32 Qum mela billejl, int u niesek li għandek miegħek, u għasses fir-raba’;

33 u filgħodu kmieni ma’ tlugħ ix-xemx aħbat għall-belt, u malli joħorġu għalik, hu u n-nies li għandu miegħu, agħmillu li jiġi għal idejk.”

34 U qam Abimelek u n-nies li kellu miegħu billejl u qagħdu għassa ħdejn Sikem f’erba’ qatgħat.

35 U ħareġ Ġagħal bin Għebed u qagħad fid-daħla ta’ bieb il-belt, u Abimelek u n-nies li kellu miegħu qamu mill-moħba.

36 Malli Ġagħal ra n-nies qal lil Żebul: “Ara hemm in-nies nieżla mill-għoljiet.” U Żebul wieġbu: “Dell l-għoljiet qiegħed taħsbu nies.”

37 U Ġagħal issokta jgħid: “Ara hemm in-nies nieżla minn nofs l-art, qatgħa minnhom ġejja mit-triq tal-Balluta tas-Saħħara.”

38 U Żebul qallu: “Fejn hu l-ftaħir tiegħek meta għedt: ‘Min hu Abimelek biex naqduh? Mhux dawn huma n-nies li int maqdart? Oħroġ issa u tqabad miegħu.”

39 U Ġagħal ħareġ quddiem in-nies ta’ Sikem u tqabad ma’ Abimelek.

40 Abimelek għamel għal warajh u Ġagħal ħarab minn quddiemu, u ħafna nies waqgħu maqtula sa ħdejn id-daħla ta’ bieb il-belt.

41 U Abimelek raġa’ lura f’Aruma, u Żebul keċċa lil Ġagħal u ’l niesu, u ma ħallihomx joqogħdu f’Sikem.

### Il-qerda ta’ Sikem

42 L-għada l-poplu ħareġ fir-raba’; u ’l Abimelek qalulu b’dan.

43 U ġabar in-nies tiegħu, u qassamhom fi tliet qatgħat, u qagħad moħbi fir-raba’. Malli ra n-nies ħierġa mill-belt, qam għalihom u farrakhom.

44 Abimelek u l-qatgħa li kellu miegħu tqassmu u qagħdu fid-daħla ta’ bieb il-belt, u ż-żewġ qatgħat l-oħra nxteħtu fuq dawk kollha li kienu fir-raba’ u farrkuhom.

45 U Abimelek baqa’ jitqabad fil-belt dak il-jum kollu, u ħa l-belt u qatel in-nies li kien hemm fiha; ġarraf il-belt u xerred il-melħ fuqha.

46 U n-nies tat-torri ta’ Sikem semgħu b’dan, u marru jistkennu fil-kamra taħt l-art fit-tempju ta’ El-berit.

47 U ’l Abimelek qalulu li n-nies tat-torri ta’ Sikem marru jinġemgħu hemmhekk.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

48U Abimelek tala' fuq l-għolja ta' Salmon, hu u n-nies kollha li kellu miegħu; u Abimelek ħa mannara f'idu u qaċċat fergħa minn siġra, refagħha u qegħedha fuq spalltu, u qal lin-nies li kellu miegħu: "Fittxu agħmlu dak li rajtuni nagħmel."

49U n-nies kollha qaċċtu fergħa kull wieħed, u marru wara Abimelek, u xeħtuhom ħdejn il-kamra taħt l-art u tawha n-nar bihom, u hekk mietu n-nies kollha tat-torri ta' Sikem, madwar elf ruħ, nisa u rġiel.

**L-aħħar jum ta' Abimelek**

50Abimelek imbagħad mar Tebes, dawwarha u ħadha f'idejh.

51F'nofs il-belt kien hemm torri qawwi, u marru jinħbew fih in-nies kollha tal-belt, nisa u rġiel; sakkru warajhom u telgħu fuq is-saqaf tat-torri.

52Abimelek erħielha lejn it-torri, u ħabat għalih, u resaq lejn il-bieb biex jagħtih in-nar.

53Imma waħda mara waddbet ħaġra ta' fuq ta' mitħna għal fuq ras Abimelek, u kissritlu rasu.

54U sejjaħ iż-żagħżugħ li kien iġorrlu l-armi u qallu: "Islet ix-xabla u oqtolni, li ma jgħidux li qatlitni mara." U ż-żagħżugħ nifdu u miet.

55U l-Iżraelin raw li Abimelek miet, u kulħadd mar lejn daru.

56U hekk Alla radd lil Abimelek il-ħażin kollu li kien għamel lil missieru meta qatel is-sebgħin ħutu.

57U Alla radd ukoll fuqhom il-ħażin kollu li kienu għamlu n-nies ta' Sikem, u laħqithom is-saħta ta' Ġotam bin Ġerub-bagħal.

## Mħallfin 10

**L-imħallfin Tola' u Ġajjir**

1Wara Abimelek qam biex isalva lil Iżrael Tola' bin Puwa, bin Dodu, minn Issakar; u kien joqgħod f'Samir fl-għoljiet ta' Efrajm.

2U dan għamel il-ħaqq f'Iżrael għal tlieta u għoxrin sena; u meta miet difnuh f'Samir.

3Warajh tfaċċa Ġajjir minn Gilgħad, u dam jagħmel il-ħaqq f'Iżrael għal tnejn u għoxrin sena.

4Kellu tletin tifel li kienu jirkbu l-felu u kellhom tletin belt fl-art ta' Gilgħad, li għadhom jgħidulhom Hawwot-ġajjir sal-lum.

5Meta miet difnuh f'Kamon.

**L-Iżraelin jerġgħu jidinbu**


© 2020 Malta Bible Society.

6U wlied Iżrael reġgħu għamlu l-ħażen f'għajnejn il-Mulej, u aduraw lill-allat Bagħalim u Għastarot, u lill-allat ta' Aram, u lill-allat ta' Sidon, u lill-allat ta' Mowab, u lill-allat ta' wlied Għammon, u lill-allat tal-Filistin, u ħallew lill-Mulej u ma baqgħux jadurawh aktar.

7U xegħlet il-qilla tal-Mulej kontra Iżrael, u biegħhom f'idejn il-Filistin u f'idejn ulied Għammon.

8U dik is-sena kissru u għakksu lil ulied Iżrael; u għal tmintax-il sena sħaħ ħakmu lil ulied Iżrael, li kienu jgħammru 'l hemm mill-Ġordan fl-art tal-Amurrin, li hemm f'Gilgħad.

9U wlied Għammon qasmu l-Ġordan biex jitqabdu wkoll ma' Ġuda u Benjamin u d-dar ta' Efrajm, u ssikkaw lil Iżrael għall-aħħar.

10U wlied Iżrael għajtu lill-Mulej, u qalu: "Dnibna kontrik, ħallejna lil Alla tagħna, u morna naduraw lill-allat Bagħalim."

11U l-Mulej qal lil ulied Iżrael: "Ma ħaqrukomx, forsi, l-Eġizzjani, u l-Amurrin, u l-Għammonin, u l-Filistin,

12u s-Sidonin, u l-Għamalekin, u l-Midjanin? U meta għajjattuli, ma salvajtkomx jien minn taħt idejhom?

13Imma intom ħallejtuni, u mortu taduraw allat oħra; għalhekk ma nsalvakomx aktar.

14Morru u sejħu lill-allat li intom għażiltu, u jsalvawkom huma fi żmien l-hemm tagħkom."

15U wlied Iżrael wieġbu lill-Mulej: "Dnibna. Agħmel magħna dak kollu li int jidhirlek li hu tajjeb. Biss eħlisna llum."

16U huma warrbu l-allat barranin minn ġo nofshom, u bdew jaduraw lill-Mulej; u hu ma felaħx aktar għat-tbatija ta' Iżrael.

### Ġeftaħ imħallef

17U nġabru wlied Għammon u waqqfu l-kamp f'Gilgħad; u wlied Iżrael inġemgħu u waqqfu l-kamp f'Misfa.

18U n-nies ta' Gilgħad u l-kapijiet tagħhom bdew jgħidu lil xulxin: "Min jibda l-ewwel jitqabad mal-Għammonin, ikun hu l-kap ta' dawk kollha li jgħammru f'Gilgħad!"

## Mħallfin 11

1Ġeftaħ il-Gilgħadi kien bniedem qalbieni u b'saħħtu; kien bin mara żienja. Missieru kien Gilgħad,

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

2li kellu l-mara li wilditlu wlied; meta kibru wlied din il-mara keċċew lil Ġeftaħ u qalulu: "Int ma jkollokx wirt f'dar missierna, għax int bin mara oħra."

3Għalhekk Ġeftaħ ħarab 'il bogħod minn ħutu u mar jgħix f'art Tob; hemm inġabru madwar Ġeftaħ qatta rġiel ta' xejn, u kienu joħorġu miegħu għal xi serqa.

4Ġara maż-żmien li l-Għammonin ħabtu għal Iżrael.

5U meta l-Għammonin bdew il-ġlied, ix-xjuħ ta' Gilgħad marru jġibu lil Ġeftaħ mill-art ta' Tob.

6U qalu lil Ġeftaħ: "Ejja, u kun il-kap tagħna biex nitqabdu mal-Għammonin."

7U Ġeftaħ wieġeb lix-xjuħ ta' Gilgħad: "Mhux intom bgħadtuni u keċċejtuni minn dar missieri? Għala ġejtu għalija issa li sibtu ruħkom magħfusa?"

8U x-xjuħ ta' Gilgħad wieġbu lil Ġeftaħ: "Sewwasew għalhekk aħna dorna lejk: ejja magħna, u tqabad ma' wlied Għammon, u tkun kap tagħna u ta' kull min jgħammar f'Gilgħad."

9U Ġeftaħ wieġeb lix-xjuħ ta' Gilgħad: "Jekk intom se treġġgħuni lura biex nitqabad mal-Għammonin, u l-Mulej jerħihom f'idejja, inkun jien il-kap tagħkom."

10U x-xjuħ ta' Gilgħad wieġbu lil Ġeftaħ: "Hawn il-Mulej bejnietna xhud tagħna; nagħmlu skont kliemek."

11U Ġeftaħ ta' Gilgħad mar max-xjuħ ta' Gilgħad u l-poplu ta' Gilgħad għamluh kap tagħhom u mexxej; u Ġeftaħ tenna kliemu kollu quddiem il-Mulej f'Misfa.

**Ġeftaħ u l-Għammonin**

12Imbagħad Ġeftaħ bagħat messaġġiera lis-sultan ta' wlied Għammon jgħidulu: "X'hemm bejni u bejnek biex ġejt taħbat għalija f'arti?"

13U s-sultan ta' wlied Għammon wieġeb lill-messaġġiera ta' Ġeftaħ: "Għaliex Iżrael ħadli arti meta telgħu mill-Eġittu, mix-xmara Arnon sal-Ġabbok, u sal-Ġordan; u issa, roddhieli lura bis-sliem."

14Imma Ġeftaħ raġa' bagħat messaġġiera għand is-sultan ta' wlied Għammon

15u qallu: "Dan jgħid Ġeftaħ, 'Iżrael ma ħax, la l-art ta' Mowab u anqas l-art ta' wlied Għammon.

16Meta Iżrael tala' mill-Eġittu qasam id-deżert sal-Baħar tal-Qasab, u wasal f'Kades.

17Minn hawn Iżrael bagħat messaġġiera għand is-sultan ta' Edom u qalulu: "Jekk jogħġbok, ħallina ngħaddu minn artek, u s-sultan ta' Edom ma riedx jisma'. Bagħat ukoll għand is-sultan ta' Mowab, u anqas dan ma ried. Għalhekk Iżrael baqa' f'Kades.


© 2020 Malta Bible Society.

18 Imbagħad għadda mid-deżert, dar mal-art ta’ Edom u mal-art ta’ Mowab u waqqfu l-kamp in-naħa l-oħra tal-Arnon mingħajr ma qasmu l-fruntiera ta’ Mowab - għax l-Arnon kienet il-fruntiera ta’ Mowab.

19 U Iżrael bagħat messaġġiera għand Siħon, is-sultan tal-Amurrin, sultan ta’ Ħesbon, u qalulu: ‘Ħallina ngħaddu minn artek sa ma naslu f’postna.’

20 Imma Siħon ma ħalliex lil Iżrael jaqsam il-fruntiera tiegħu; u ġabar Siħon in-nies tiegħu, u waqqfu l-kamp f’Ġaħas, u tqabdu ma’ Iżrael.

21 U l-Mulej, Alla ta’ Iżrael, reħa f’idejn Iżrael lil Siħon u n-nies tiegħu kollha u qatluhom; u Iżrael ħa f’idejh l-art kollha tal-Amurrin, li kienu jgħammru f’din l-art.

22 U ħadu f’idejhom l-art kollha tal-Amurrin mill-Arnon sal-Ġabbok, u mid-deżert sal-Ġordan.

23 U issa l-Mulej, Alla ta’ Iżrael, keċċa lill-Amurrin minn quddiem Iżrael, il-poplu tiegħu; se tkeċċihom int?

24 Jaqaw dak li tak tiret Kemos, alla tiegħek, mhux int tirtu? U dak li tana l-Mulej, Alla tagħna, milli sibna quddiemna, mhux aħna nirtuh?

25 U issa forsi int aħjar minn Balak bin Siffur, is-sultan ta’ Mowab? Forsi ħadha ma’ Iżrael jew tqabad miegħu?

26 Iżrael ilu jgħammar f’Ħesbon u l-irħula tagħha, u f’Għarogħer u l-irħula tagħha, u l-ibliet kollha fuq ix-xtut tal-Arnon għal tliet mitt sena, għala ma ħlistuhomx f’dan iż-żmien kollu?

27 Jien ma offendejtekx, imma int qiegħed timxi miegħi ħażin, li taħbat għalija. Ħa jagħmel ħaqq illum bejn ulied Iżrael u bejn ulied Għammon, l-imħallef li hu l-Mulej!”

28 U s-sultan tal-Għammonin ma samax mill-kliem li bagħat jgħidlu Ġeftaħ.

### Il-wegħda ta’ Ġeftaħ

29 U ġara li l-ispirtu tal-Mulej ġie fuq Ġeftaħ, li għadda minn Gilgħad u Manassi għal Misfa ta’ Gilgħad u baqa’ sejjer lejn ulied Għammon.

30 U Ġeftaħ għamel wegħda lill-Mulej u qal: “Jekk inti terħi f’idejja lil ulied Għammon,

31 min joħroġ jilqagħni l-ewwel minn bieb dari, meta nerġa’ lura bis-sliem minn quddiem l-Għammonin, ikun tal-Mulej u noffrihulu b’sagrifiċċju tal-ħruq.

32 U Ġeftaħ għadda lejn l-Għammonin biex jaħbat għalihom, u l-Mulej irħiehom f’idejh.


© 2020 Malta Bible Society.

33U kissirhom minn Għarogħer sa tasal sa Minnit - għoxrin belt b'kollox - u sa Abel-Keramin f'taqtigħa kbira sewwa. U hekk ulied Iżrael kaxkru lil ulied Għammon minn quddiemhom.

34U Ġeftaħ mar Misfa lejn daru, u hemm jilmaħ lil bintu ħierġa tilqgħu bit-tnabar u ż-żfin; kienet bint waħdanija tiegħu u ma kellux ħliefha, la subien u lanqas bniet.

35U malli raha ċarrat ħwejġu, u beda jgħajjat u jgħid: "Jaħasra binti? Int ħawwadtni sewwa, int l-inkwiet tiegħi. Tajt kelma lill-Mulej, u ma nistax nerġa' lura minnha!"

36U hi weġbitu: "Missier, int ftaħt fommok quddiem il-Mulej, agħmel minni skont ma ħareġ minn fommok, la darba l-Mulej tak li titħallas mill-għedewwa tiegħek, ulied Għammon."

37U ssuktat tgħid lil missierha: "Dan biss nitolbok tagħtini: ħallini mmur niġġerra għal xahrejn fuq l-għoljiet nibki xbubiti, jiena u sħabi."

38U hu qalilha: "Mur." U ħallieha tmur għal xahrejn; u marret, hi u sħabha, u bkiet xbubitha tiġġerra fuq l-għoljiet.

39U fi tmiem ix-xahrejn reġgħet lura għand missierha u dan għamel minnha li kien wiegħed; u hi ma kienet għarfet ebda raġel. U daħlet drawwa f'Iżrael:

40minn sena għal sena joħorġu l-bniet ta' Iżrael jibku 'l bint Ġeftaħ il-Gilgħadi għal erbat ijiem.

## Mħallfin 12

### Ġeftaħ u l-Efrajmin

1U nġabru l-Efrajmin u għaddew għal Safon, u qalu lil Ġeftaħ: "Għala mort taħbat għall-Għammonin u ma sejjaħtilniex biex niġu miegħek? Naħarqulek darek fuqek."

2U Ġeftaħ weġibhom: "Kelli xi ngħid sewwa ma' wlied Għammon, jien u niesi. Sejjaħtilkom u intom ma ġejtux teħilsuni minn idejhom.

3Meta rajt li ħadd ma ġie jgħinni, qegħedt ħajti f'idejja, u mort għall-Għammonin; u l-Mulej irħiehom f'idejja. Għaliex mela tlajtu għalija llum biex teħduha miegħi?"

4Ġeftaħ imbagħad sejjaħ l-irġiel kollha ta' Gilgħad u ħabtu għall-Efrajmin, u l-irġiel ta' Gilgħad tawhom xebgħa - għax l-Efrajmin kienu qalulhom: "Intom il-Gilgħadin, nies maħruba minn Efrajm, f'nofs Efrajm, u f'nofs Manassi" -

5Il-Gilgħadin ħatfu l-mogħdijiet tal-Ġordan lejn Efrajm u meta xi ħadd maħrub mill-Efrajmin kien jgħid: "Ha ngħaddi," l-irġiel ta' Gilgħad kienu jistaqsuh: "Int raġel minn Efrajm?"; jekk kien iwieġeb: "Le", kienu jgħidulu:


© 2020 Malta Bible Society.

6“Għid mela ‘xibbolet’; u kien jgħid: ‘sibbolet!’ għax ma kienx ikun jista’ jgħidha sewwa, huma kienu jaqbduh u joqtluh ħdejn il-mogħdijiet tal-Ġordan. U f’dak iż-żmien mietu tnejn u erbgħin elf raġel minn Efrajm.

7U dam jaħkem Ġeftaħ lil Iżrael sitt snin. U meta miet Ġeftaħ il-Gilgħadi, difnuh fil-belt tiegħu ta’ Gilgħad.

### L-imħallfin Ibsan, Elon u Għabdon

8Warajh ħakem lil Iżrael Ibsan minn Betlehem.

9U kellu tletin tifel, u żewweġ tletin tifla barra mid-dar, u ġieb tletin tifla barranija għal uliedu. Hakem fuq Iżrael għal seba’ snin.

10Meta Ibsan miet, difnuh f’Betlehem.

11Warajh ħakem fuq Iżrael Elon mit-tribù ta’ Żebulun. Dan ħakem għal għaxar snin.

12Meta Elon mit-tribù ta’ Żebulun miet, difnuh f’Ajjalon fl-art ta’ Żebulun.

13Warajh ħakem fuq Iżrael Għabdon bin Ħilel minn Pirgħatun għal tmien snin.

14Kellu erbgħin tifel u tletin ulied uliedu, li kienu jirkbu fuq sebgħin felu. Hakem fuq Iżrael għal tmien snin.

15Meta Għabdon bin Ħillel minn Pirgħatun miet, difnuh f’Pirgħatun, fl-art ta’ Efrajm fl-għoljiet tal-Għamalekin.

## Mħallfin 13

### It-twelid ta’ Sansun

1U wlied Iżrael baqgħu jagħmlu l-ħażin f’għajnejn il-Mulej, u l-Mulej telaqhom f’idejn il-Filistin għal erbgħin sena.

2U kien hemm raġel minn Sorgħa mit-tribù ta’ Dan, jismu Manuħa, u martu kienet sterili, u ma kellhiex tfal.

3U deher l-anġlu tal-Mulej lill-mara u qalilha: “Ara, int sterili u ma għandekx tfal, imma int se titqal u tiled iben.

4Issa qis li ma tixrobx inbid, u anqas xorb li jsakkar, u tiekol xejn imniġġes.

5Għax, ara, int se titqal u tiled iben, u l-mus ma jgħaddix minn fuq rasu, għax it-tifel ikun nażir ikkonsagrat lil Alla sa minn ġuf ommu, u hu jibda jeħles lil Iżrael minn id il-Filistin.”

6U l-mara marret tgħid lil żewġha: “Ġie ħdejja raġel ta’ Alla, wiċċu wiċċ ta’ anġlu ta’ Alla, wiċċ li jbeżżgħek tarah. Ma staqsejtux mnejn ġie, u lanqas hu ma qalli ismu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

7 U qalli, ‘Ara, inti titqal u tiled iben, u issa tixrobx inbid jew xorb li jsakkar, u tiekol xejn imniġġes, għax it-tifel ikun nażir ikkonsagrat lil Alla sa minn ġuf ommu sakemm imut.”

8 Imbagħad Manuħa talab lill-Mulej u qal: “Iddew, Sidi, ħa jerġa’ jiġi għandna r-raġel ta’ Alla, li bgħattilna, u jurina x’għandna nagħmlu bit-tifel li se jitweldilna.”

9 U Alla sama’ t-talba ta’ Manuħa, u l-anġlu ta’ Alla raġa’ ġie ħdejn il-mara waqt li kienet bilqiegħda fl-għalqa, u żewġha Manuħa ma kienx magħha.

10 Il-mara marret tiġri tgħid lil żewġha, u qaltlu: “Ara, raġa’ deherli r-raġel li kien deherli dakinhar.”

11 U Manuħa mar wara martu u resaq lejn ir-raġel u qallu: “Int dak ir-raġel li kellimt lil marti?” U hu wieġbu: “Jiena hu.”

12 U Manuħa qallu: “Issa meta jseħħ kliemek, x’għandu jħares u jagħmel it-tifel?”

13 U l-anġlu tal-Mulej qal lil Manuħa: “Il-mara għandha tiċċaħħad minn kulma għedtilha,

14 li ma tiekol xejn milli joħroġ mid-dwieli; inbid u xorb isakkar; u ma tiekol xejn imniġġes, imma għandha tħares kulma ordnajtilha.”

15 U Manuħa qal lill-anġlu tal-Mulej; “Hallina nżommuk magħna u nsajrulek gidi.”

16 U l-anġlu tal-Mulej qal lil Manuħa: “Jekk iżżommuni magħkom, ma nikolx minn ħobżok; jekk trid tagħmel sagrifiċċju tal-ħruq, offrih lill-Mulej.” Manuħa ma ntebaħx li kien l-anġlu tal-Mulej.

17 Imbagħad staqsa lill-anġlu tal-Mulej: “X’jismek? Għax meta sseħħ kelmtek, aħna nkunu rridu nagħtuk ġieħ.”

18 U l-anġlu tal-Mulej wieġeb: “Għala tistaqsini x’jisimni? Hu isem misterjuż!”

19 U Manuħa ħa gidi bl-offerta tiegħu u offrieh b’sagrifiċċju fuq ġebla lill-Mulej, li jagħmel ħwejjeġ tal-għaġeb. U waqt li Manuħa u martu kienu jħarsu,

20 il-fjamma tan-nar telgħet mill-artal lejn is-sema, u l-anġlu tal-Mulej tala’ fil-fjamma tal-artal. Meta Manuħa u martu raw dan, waqgħu wiċċhom fl-art.

21 U l-anġlu tal-Mulej ma baqax jidher aktar lil Manuħa u lil martu. Imbagħad Manuħa għaraf li kien l-anġlu tal-Mulej.

22 U Manuħa qal lil martu: “Immutu żgur, għax rajna lil Alla.”

23 U martu wieġbet: “Li kieku ried il-Mulej joqtolna ma kienx jilqa’ s-sagrifiċċju u l-offerta minn idejna, u jurina u jsemmagħna dan kollu.”

24 U l-mara wildet iben u semmietu Sansun, u t-tifel kiber u l-Mulej bierku.


© 2020 Malta Bible Society.

25It-tifel kiber f'Maħane-dan, bejn Sorgħa u Estawl, u l-ispirtu tal-Mulej beda jaħdem ġewwa fih.

## Mħallfin 14

### Iż-żwieġ ta' Sansun

1U Sansun niżel f'Timna, u hemm xeħet għajnejh fuq mara mill-bniet tal-Filistin.

2U raġa' tala', u għarraf lil missieru u 'l ommu, u qalilhom: "Rajt mara f'Timna mill-bniet tal-Filistin, u issa rridkom teħduhieli b'marti."

3U missieru u ommu weġbuh: "Ma hemmx mara fost il-bniet ta' ħutek u fost il-poplu kollu tiegħek, biex int tmur tieħu mara minn fost il-Filistin bla ħtin?" U Sansun wieġeb lil missieru: "Ħudli lilha, għax dik togħġobni."

4U missieru u ommu ma kinux jafu li dan kien ġej mill-Mulej, għax kien qiegħed ifittex jeħodha mal-Filistin, billi dak iż-żmien il-Filistin kienu jaħkmu fuq Iżrael.

5U Sansun u missieru u ommu niżlu f'Timna; u xħin waslu fl-oqsma tad-dwieli ta' Timna, Sansun jilmaħ ferħ ta' ljun jgħajjat riesaq lejh.

6L-ispirtu tal-Mulej ħakem lil Sansun u dan tertqu bħalma wieħed itertaq gidi; ma kellu xejn f'idu, u lil missieru u lil ommu ma wriehom xejn x'kien għamel.

7U Sansun niżel u kellem lill-mara, u din għoġbitu.

8Meta raġa' lura biex jeħodha, lewa biex jara l-ġisem mejjet tal-iljun, u jsib ferħ naħal u għasel.

9Ħa minnu f'idejh, u baqa' sejjer jiekol fit-triq, u laħaq 'il missieru u 'l ommu, u tahom minnu u kielu; iżda ma qalilhomx li l-għasel ħadu mill-ġisem mejjet tal-iljun.

10Missieru mar jara l-mara, u hemm Sansun għamel festa, bħalma kienu jagħmlu ż-żgħażagħ.

11U ġara li malli rawh għażlu tletin żagħżugħ biex joqogħdu miegħu.

12U Sansun qalilhom: "Ħa ngħidilkom ħaġa moħġaġa, jekk tfissruhieli sewwa matul is-sebat ijiem tal-festa u ssibuha, nagħtikom tletin qmis tal-għażel u tletin tibdila ħwejjeġ.

13U jekk ma jirnexxilkomx tgħiduhieli tagħtuni intom tletin biċċa għażel u tletin tibdila ħwejjeġ. U huma weġbuh: "Għidilna l-ħaġa moħġaġa, u aħna nisimgħuha."

14U hu qalilhom: "L-ikel ħareġ mill-wikkiel, u mill-qawwi ħarġet il-ħlewwa." U fi tlitt ijiem ma rnexxilhomx ifissru l-ħaġa moħġaġa.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[15]U ġara li fis-seba' jum qalu lill-mara ta' Sansun: "Żiegħel b'żewġek ħalli jgħidilna x'inhi, inkella naħarqu lilek u lil dar missierek. Għalhekk stedintuna, biex tfaqqruna? Hux hekk?"

[16]U mart Sansun bdiet tibki quddiemu u tgħidlu: "Int tobgħodni, u ma tħobbnix. Int għedt ħaġa moħġaġa lil ulied il-poplu tiegħi, u lili ma fissirthilix." U hu weġibha: "Jekk jien ma fissirthiex lil ommi u lil missieri, se nfissirha lilek?"

[17]U damet tibki quddiemu għas-sebat ijiem li damet il-festa. Fis-seba' jum fissirhielha għax dejqitu, u hi mbagħad fissritha lil ulied il-poplu tagħha.

[18]U fis-seba' jum, qabel inżul ix-xemx, in-nies tal-belt qalulu: "X'inhu ħelu aktar mill-għasel? min hu b'saħħtu aktar mill-iljun?" U hu weġibhom: "Li ma ħrattux bl-għoġla tiegħi, ma kontux tikxfu l-moħġaġa tiegħi."

[19]L-ispirtu tal-Mulej ġie fuqu, u Sansun niżel f'Askalon, u qatel tletin raġel minnhom, neżżagħhom minn ħwejjiġhom, u ta t-tibdiliet lil dawk li fissrulu l-ħaġa moħġaġa; imbagħad saħan bl-għadab u raġa' tala' f'dar missieru.

[20]U l-mara ta' Sansun tawha lil wieħed minn ħbiebu, li kien miegħu.

## Mħallfin 15

### Sansun jitħallas mill-Filistin

[1]U ġara li wara xi żmien, f'jiem il-ħsad tal-qamħ, Sansun mar iżur lil martu, u ħa gidi miegħu u qal: "Ha nidħol ħdejn marti fl-għorfa." Imma missierha ma ħalliehx jidħol

[2]u qallu: "Ħsibt u għedt li int stmellejtha, u għalhekk tajtha lil wieħed minn sħabek. Oħtha ż-żgħira mhijiex isbaħ minnha? Ħu lilha flokha."

[3]Imma Sansun weġibhom: "Din id-darba ma jlumunix il-Filistin għall-ħsara kbira li nagħmlilhom."

[4]Sansun mar u qabad tliet mitt xakall, u ħa l-ħatab għan-nar, rabathom denb ma' denb, u qiegħed ħatba bejn kull żewġt idnub.

[5]Imbagħad ta n-nar lill-ħatab u telaq ix-xakalli qalb iż-żara' tal-Filistin, u hekk ħaraq il-qatet taż-żara' miġbur, iż-żara' wieqaf, u d-dwieli u ż-żebbuġ.

[6]U l-Filistin qalu: "Min għamel dan?" U wieġbu: "Sansun, ħaten it-Timni, għax dan ħadlu 'l martu u taha lil sieħbu." U l-Filistin telgħu, u qabdu lilha u lil missierha, u tawhom in-nar.

[7]U Sansun qalilhom: "Jekk tagħmlu hekk, nitħallas minnkom, imbagħad nistrieħ."

[8]U tahom xebgħa saqajn fuq wirkhom u għamel ħerba minnhom. Imbagħad niżel u qagħad f'għar fil-blat f'Għetam.


© 2020 Malta Bible Society.

9Imbagħad il-Filistin telgħu u waqqfu l-kamp f'Ġuda u tferrxu sa Leħi.

10U n-nies ta' Ġuda staqsewhom: "Għala tlajtu għalina?" U dawk wieġbu: "Biex
norbtu lil Sansun, u nagħmlulu dak li għamel lilna."

11U niżlu tlitt elef ruħ minn Ġuda lejn l-għar fil-blat ta' Għetam u qalu lil Sansun:
"Int ma tafx li aħna taħt il-ħakma tal-Filistin? Għaliex għamiltilna hekk?" U hu
weġibhom: "Bħalma għamlu lili, jien għamilt lilhom."

12U huma qalulu: "Aħna ġejna biex norbtuk, u nerħuk f'idejn il-Filistin." U Sansun
weġibhom: "Aħilfuli li ma toqtlunix."

13U huma wegħduh u qalulu: "Le! Norbtuk u nerħuk f'idejhom, imma ma
noqtlukx." U rabtuh b'żewġ ħbula ġodda, u tellgħuh mill-għar fil-blat.

14Malli wasal f'Leħi, il-Filistin ħarġu jilqgħuh u jgħajtu; imma lilu ħakmu l-ispirtu
tal-Mulej, u l-ħbula li kellu ma' dirgħajh saru bħal ħajt tal-kittien maħruq bin-
nar, u l-irbit inħall minn idejh;

15u hu sab xedaq tari ta' ħmar, medd idu, qabdu u darab bih elf raġel.

16U Sansun beda jgħanni: "B'xedaq ta' ħmar jien slaħthom; gzuz ma' gzuz
għamilthom, b'xedaq ta' ħmar elf raġel drabt."

17Xħin temm jgħanni, rema x-xedaq tal-ħmar minn idu, u bdew isejħu dak il-post
Ramat-leħi.

18Imbagħad ħadu għatx kbir, sejjaħ lill-Mulej u qallu: "Int tajtna b'id il-qaddej
tiegħek din ir-rebħa kbira, se tħallini issa mmut bil-għatx, u naqa' f'idejn in-nies
bla ħtin?"

19U Alla xaqq il-blata tal-ħofra ta' Leħi, u ħareġ minnha l-ilma; u hu xorob, ħa r-
ruħ u staħja. Għalhekk semmewha Għajn-kori, li għadha f'Leħi sal-lum.

20U Sansun ħakem fuq Iżrael fi żmien il-Filistin għal għoxrin sena.

## Mħallfin 16

### Sansun f'Gaża

1U Sansun mar Gaża, u hemm ra mara żienja u daħal għandha.

2U marru qalu lin-nies ta' Gaża: "Sansun ġie hawn!" Dawruh u qagħdulu għassa
l-lejl kollu fil-bieb tal-belt, u baqgħu siekta l-lejl kollu u qalu: "Inħalluh sakemm
jisbaħ, imbagħad noqtluh."

3U Sansun baqa' rieqed sa nofs il-lejl; f'nofs il-lejl qam, qabad il-battenti tal-bieb
tal-belt u ż-żewġ waqqafiet, qalagħhom bl-istanga b'kollox, għabbiehom fuq
spallejh, u tala' bihom fuq il-quċċata tal-għolja biswit Hebron.

### Sansun u Dalila


© 2020 Malta Bible Society.

4Ġara li wara dan Sansun ħabb mara mill-wied ta' Sorek, jisimha Dalila.

5Il-kapijiet tal-Filistin marru għandha u qalulha: "Żiegħel bih u ara mnejn ġejja s-saħħa kbira li għandu, u tkixxfilna biex inkunu nistgħu norbtuh u rrażżnuh. Nagħtuk kull wieħed minna elf u mitt xekel tal-fidda."

6U Dalila staqsiet lil Sansun: "Għidli mnejn hi ġejja din is-saħħa kbira tiegħek, u biex jistgħu jrażżnuk?"

7U Sansun weġibha: "Jekk jorbtuni b'seba' ħbula tan-nerv friski u mhux nexfin, insir bla saħħa u nkun bħal kull bniedem ieħor."

8U l-kapijiet tal-Filistin bagħtulha seba' ħbula tan-nerv friski, mhux nexfin, u rabtitu bihom.

9U kellha l-għases moħbija fil-kamra u qaltlu: "Il-Filistin fuqek, Sansun!" U hu qatta' l-irbit bħalma titqatta' l-ftila tal-istoppa malli tħoss in-nar, u l-qawwa tiegħu ma għarfux mnejn kienet ġejja.

10U Dalila qalet lil Sansun: "Ara, dħakt bija u gdibtli. Issa għidli biex jistgħu jorbtuk."

11U hu weġibha: "Jekk jorbtuni bi ħbula ġodda li qatt ma sar xogħol bihom, insir bla saħħa u nkun bħan-nies l-oħra."

12Dalila mbagħad ħadet ħbula ġodda, u rabtitu bihom u qaltlu: "Il-Filistin fuqek, Sansun!" Imma hu qattagħhom minn dirgħajh bħal ħajta.

13U Dalila reġgħet qalet lil Sansun: "S'issa dħakt bija u gdibtli. Għidli biex jistgħu jorbtuk." U hu weġibha: "Jekk tinseġ is-seba' nokkli ta' rasi mal-medd tan-newl, u tħabbathom bl-għuda, insir bla saħħa, u nsir bniedem bħall-oħrajn.

14U hi raqqditu u nisġitlu s-seba' nokkli ta' rasu mal-medd, u ħabbtithom bl-għuda u qaltlu: "Il-Filistin fuqek, Sansun!" U hu stenbaħ mir-raqda, u qala' l-musmar tan-newl u l-medd b'kollox.

15U reġgħet qaltlu: "Kif tgħidli: 'Inħobbok', meta int ma tiftaħx qalbek miegħi? Tliet darbiet dħakt bija, u ma għedtlix fiex inhi l-qawwa tiegħek."

16U billi dejqitu bi kliemha u ta' kuljum baqgħet issus warajh, iddejjaq għall-mewt.

17U fetaħ qalbu magħha għalkollox u qalilha: "Qatt ma għadda mus minn fuq rasi, għax jien nażir ikkonsagrat lil Alla sa minn ġuf ommi. Jekk inqaxxar xagħri, il-qawwa tiegħi tgħib għalkollox, u nsir bla saħħa bħal kull bniedem ieħor."

18Malli ntebħet li fetaħ qalbu magħha għalkollox, Dalila bagħtet issejjaħ lill-Filistin u tgħidilhom: "Itilgħu, għax din id-darba fetaħli qalbu għalkollox." U telgħu għandha l-kapijiet tal-Filistin u ġiebu l-flus magħhom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

19U raqqditu fuq irkupptejha u sejħet raġel u dan qarwiżlu s-seba’ nokkliet ta’ rasu; u beda jitmantar sakemm marritlu saħħtu minn fuqu.

20U għajtet: “Il-Filistin fuqek, Sansun.” Dan stenbaħ min-ngħas u qal: “Noħroġ bħal dari u neħles.” Ma kienx jaf li l-Mulej kien warrab minnu.

21U qabduh il-Filistin, u qalgħulu għajnejh; u niżżluh Gaża, u rabtuh bis-sniesel tal-bronż, u għalquh idawwar il-mitħna fil-ħabs.

22U xagħru raġa’ beda jikber wara li qarwżuh.

### Il-mewt ta’ Sansun

23U l-kapijiet tal-Filistin inġemgħu biex jagħmlu festa u joffru sagrifiċċju kbir lil alla tagħhom Dagon, u qalu: “Tana f’idejna alla tagħna lil Sansun, il-għadu tagħna.”

24Malli l-poplu ra lil Sansun bdew ifaħħru lill-alla tagħhom u jgħidu: “Tana f’idejna alla tagħna l-għadu tagħna; u ’l min ħarbtilna artna, u kattar il-mejtin tagħna.”

25Kif qalbhom imtliet bil-ferħ qalu: “Ħa nsejħu lil Sansun biex jgħaddilna ż-żmien.” U sejħu ’l Sansun mill-ħabs, u beda jilgħab quddiemhom. U qegħduh bejn il-plieri.

26U Sansun qal liż-żagħżugħ li kien qiegħed iżommlu idu: “Hallini mmiss il-plieri li fuqhom qiegħda żżomm id-dar, u nserraħ fuqhom.”

27Id-dar kienet mimlija rġiel u nisa, u kien hemm il-kapijiet tal-Filistin, u fuq is-setaħ xi tlitt elef raġel u mara jaraw lil Sansun jilgħab.

28U Sansun sejjaħ il-Mulej u qal: “Mulej, Sidi, ftakar fija! Agħtini l-forza, imqar għal din id-darba, o Alla, u f’salt wieħed nitħallas taż-żewġ għajnejja mill-Filistin.”

29U Sansun qabad iż-żewġ plieri tan-nofs, li fuqhom kienet mibnija d-dar, u twieżen fuqhom, fuq waħda bil-lemin u fuq l-oħra bix-xellug.

30U Sansun għajjat: “Ħa mmut jien mal-Filistin.” U Sansun miel ’il quddiem fuqhom b’saħħtu kollha u ġġarrfet id-dar fuq il-kapijiet u fuq il-poplu kollu li kien hemm fiha. U l-għadd tal-mejtin, li qatel f’mewtu, kien akbar minn kemm kien qatel f’ħajtu.

31U niżlu ħutu u d-dar kollha ta’ missieru, u refgħuh u tellgħuh, u difnuh bejn Sorgħa u bejn Estawl fil-qabar ta’ missieru Manuħa. Dam jaħkem fuq Iżrael għal għoxrin sena.

## Mħallfin 17

### Mika u l-Levita

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

1Kien hemm raġel mill-muntanji ta' Efrajm li kien jismu Mika.

2U qal lil ommu: "Dawk l-elf u mitt xekel tal-fidda li kienu ħadulek u li int bdejt tisħet li nisimgħek, hawn huma għandi. Kont ħadthom jien; se rroddhomlok." U ommu wieġbet: "Imbierek int, ibni, mill-Mulej."

3U radd l-elf u mitt xekel lil ommu. U ommu qalet: "Irrid nikkonsagra dawn flusi lill-Mulej, biex issir xbieha mdewba għal ibni."

4Malli radd il-flus lil ommu, din ħadet mitejn xekel, tathom lill-arġentier li minnhom għamel xbieha mdewba, u qegħduha f'dar Mika;

5u hekk dan ir-raġel Mika kellu santwarju f'daru; għamel efod u terafim, u kkonsagra 'l wieħed minn uliedu, u sarlu qassis.

6Dak iż-żmien ma kienx hemm sultan f'Iżrael; kulħadd kien jagħmel li jogħġbu.

7Kien hemm żagħżugħ minn Betlehem ta' Ġuda, mit-tribù ta' Ġuda, li kien Levita, li kien frustier hemmhekk.

8Dan ir-raġel telaq mill-belt ta' Betlehem ta' Ġuda biex ifittex fejn joqgħod bħala frustier. Hu u għaddej mill-muntanji ta' Efrajm sab ruħu ħdejn id-dar ta' Mika.

9U Mika qallu: "Mnejn ġej?" U hu wieġbu: "Jien Levita minn Betlehem ta' Ġuda, u qiegħed infittex fejn noqgħod."

10U Mika qallu: "Oqgħod miegħi, u kun għalija missier u qassis; u jien nagħtik għaxar bċejjeċ tal-fidda fis-sena, tagħmira ħwejjeġ u ikel biex tgħix."

11Il-Levita aċċetta li joqgħod miegħu, u ż-żagħżugħ kien għalih bħal wieħed minn uliedu.

12U Mika kkonsagra lil-Levita, u ż-żagħżugħ kien għalih qassis, u qagħad f'dar Mika.

13U Mika qal: "Issa naf li l-Mulej tani r-riżq, għax għandi qassis Levita miegħi."

## Mħallfin 18

### It-tribù ta' Dan

1F'dak iż-żmien ukoll ma kienx hemm sultan f'Iżrael; u t-tribù ta' Dan kien qiegħed ifittex art fejn jgħammar, għax sa dakinhar kien għadu ma messux sehem f'nofs it-tribujiet ta' Iżrael.

2Ulied Dan għalhekk bagħtu ħamsa min-nies mit-tribù tagħhom, irġiel ta' ħila, minn Sorgħa u Estawl, biex iduru u jitkixxfu l-art, u qalulhom: "Morru u tkixxfu l-art." U marru fil-muntanji ta' Efrajm sad-dar ta' Mika u għaddew il-lejl hemm.

3Kif kienu ħdejn dar Mika għarfu leħen iż-żagħżugħ Levita u ġibduh 'l hemm u staqsewh: "Min ġiebek hawn?"

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

4 U weġibhom: “Dan u dan għamilli Mika; krieni, u jien sirt qassis tiegħu.”

5 U huma qalulu: “Stħarreġ lil Alla biex inkunu nafu jekk fit-triq li qbadna jkollniex ir-risq?”

6 U l-qassis weġibhom: “Morru bis-sliema! F’idejn il-Mulej hi t-triq li intom mexjin fiha.”

7 U telqu l-ħamest irġiel, u waslu Lajs, u raw li l-poplu kien jgħix bla biża’ bħas-Sidonin, b’moħħhom mistrieħ; ma kien jonqoshom xejn mill-ġid tal-art; u ħadd ma kien jaħkimhom bi dritt ta’ wirt; u kienu ’l bogħod mis-Sidonin, u ma kellhom x’jaqsmu xejn mal-Aramin.

8 Imbagħad reġgħu lura għand ħuthom f’Sorgħa u Estawl, u dawn staqsewhom: “X’minnkom?”

9 U huma wieġbu: “Qumu, u nitilgħu għaliha! Għax aħna rajnieha li hi art tajba ħafna! X’intom taħsbuha? La titnikkrux, fittxu itilqu u morru ħudu l-art f’idejkom.

10 Meta taslu hemm issibu nies jgħixu bla biża’ f’medda kbira ta’ art. Tassew li Alla rħieha f’idejkom. Post fejn m’hemm xejn nieqes mill-ġid li tista’ tagħti l-art.”

### It-tribù ta’ Dan f’Lajs

11 Imbagħad telqu minn Sorgħa u Estawl mit-tribù ta’ Dan sitt mitt raġel armati għall-gwerra.

12 Telgħu, u waqqfu l-kamp f’Kirjat-jegħarim f’Ġuda; għalhekk għadhom isejħulu Maħane-dan sal-lum; u jiġi wara Kirjat-jegħarim.

13 Minn hawn għaddew għall-muntanji ta’ Efrajm, u waslu ħdejn id-dar ta’ Mika.

14 Dawk il-ħamest irġiel, li kienu marru jitkixxfu l-art ta’ Lajs, kellmu lil ħuthom u qalulhom: “Tafu intom li f’dawn id-djar hemm efod, terafim, xbieha mnaqqxa u xbieha mdewba? Issa araw x’tagħmlu.”

15 U lwew ’il dik in-naħa, u marru fid-dar taż-żagħżugħ Levita, id-dar ta’ Mika, u sellmulu ta’ ħbieb.

16 U s-sitt mitt raġel minn ulied Dan armati għall-gwerra waqfu fi dħul il-bieb.

17 U l-ħamest irġiel li kienu marru jitkixxfu l-art, daħlu fid-dar u ħadu x-xbieha mnaqqxa u l-efod u t-terafim u x-xbieha mdewba, waqt li l-qassis baqa’ fil-bieb mas-sitt mitt raġel armati għall-gwerra.

18 Meta daħlu f’dar Mika, u ħadu x-xbieha mnaqqxa, l-efod u t-terafim, u x-xbieha mdewba, il-qassis qalilhom: “X’intom tagħmlu?”

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

19 U huma weġbuh: "Oqgħod bi kwietek! Qiegħed idek fuq fommok u ejja magħna, u kun għalina missier u qassis. X'inhu l-aħjar għalik, tkun qassis ta' dar ta' bniedem wieħed jew tkun qassis ta' tribù u familja sħiħa f'Iżrael?"

20 U l-qassis feraħ f'qalbu; u ħa l-efod u t-terafim u x-xbieha mnaqqxa u mar f'nofs dik il-kotra nies.

21 Imbagħad daru u telqu, u bagħtu t-tfal u l-imrieħel u ġidhom qabilhom.

22 Malli tbiegħdu minn dar Mika, l-irġiel li kienu joqogħdu fid-djar ta' ħdejn id-dar ta' Mika, inġemgħu u telqu għal wara wlied Dan,

23 u bdew jgħajtulhom. Ulied Dan dawru wiċċhom lejhom u staqsew lil Mika: "X'għandek, biex qiegħed tgħajjat?"

24 U hu weġibhom: "Ħadtuli allati, li għamilt, u l-qassis, u tlaqtu! X'fadalli? U mbagħad tgħiduli: 'X'għandek?' "

25 U wlied Dan qalulu: "La ssammagħniex aktar leħnek, li ma jmorrux iħebbu għalikom in-nies ta' ras iebsa u titlef ħajtek u ħajjet darek."

26 U wlied Dan baqgħu sejrin fi triqthom, u Mika dawwar wiċċu u raġa' lura lejn daru, għax ra li kienu aqwa minnu.

27 U huma ħadu kulma kien għamel Mika, u l-qassis li kellu miegħu, u marru Lajs, għand nies li kienu jgħixu fil-kwiet bla ħsieb ta' xejn, u għaddewhom minn xifer ix-xabla, u l-belt ħarquha bin-nar.

28 Ma kien hemm ħadd min jgħinha, għax kienet bogħod minn Sidon, u ma kellhom x'jaqsmu xejn ma' Aram. Kienet fil-wita ta' Bet-reħob; reġgħu bnewha mill-ġdid u għammru fiha.

29 U semmewha Dan, għal isem missierhom Dan, li kien twieled lil Iżrael. Imma qabel, sa mill-bidu, kien jisimha Lajs.

30 U wlied Dan waqqfu xbieha, u Ġonatan bin Gersom, bin Manassi, hu u wliedu, saru qassisin għat-tribù ta' Dan sa meta nqabdet l-art.

31 U qiegħdu għalihom ix-xbieha, li kien għamel Mika, u baqgħet hemm iż-żmien kollu li dar Alla kienet f'Silo.

## Mħallfin 19

### In-nies ta' Gibgħa

1 F'dak iż-żmien ma kienx hemm sultan f'Iżrael, u kien hemm Levita jgħammar f'nofs il-muntanji ta' Efrajm, u ħa mara konkubina minn Betlehem ta' Ġuda.

2 Din il-konkubina żniet kontrih, telqitu u marret f'dar missierha f'Betlehem ta' Ġuda; u kienet ilha hemm erba' xhur,

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

3meta żewġha qam u mar warajha biex iżiegħel biha u jġibha lura. Kellu miegħu
l-qaddej tiegħu u żewġt iħmir. Daħħlitu f'dar missierha, u malli rah missier it-
tifla feraħ bih u mar jilqgħu.

4U ħatnu, missier it-tifla, żammu għandu, u hu qagħad miegħu tlitt ijiem, u kielu
u xorbu, u għaddew il-lejl hemmhekk.

5Fir-raba' jum bakkru filgħodu u qam biex jitlaq; imma missier it-tifla qal lil
ħatnu: "Hu biċċa ħobż u stejqer, u mbagħad itlaq."

6U qagħdu t-tnejn bilqiegħda jieklu u jixorbu. U missier it-tifla qallu: "Nitolbok,
oqgħod hawn illejla u ferraħ qalbek."

7Imma l-ieħor qam biex jitlaq; iżda ħatnu baqa' jissikkah, u baqa' u għadda l-lejl
hemmhekk.

8U fil-ħames jum bakkar, u qam biex jitlaq; imma missier it-tifla qallu: "Kul xi
ħaġa qabel." U għaddew iż-żmien sa ma daħal il-jum sewwa, u kielu flimkien.

9Ir-raġel qam biex jitlaq hu, il-konkubina u l-qaddej tiegħu, imma ħatnu, missier
it-tifla, qallu: "Ara, il-jum wasal għal filgħaxija; oqogħdu hawn illejla. U ferraħ
qalbek, u għada tbakkru għal triqtkom u tmur lejn l-għarix tiegħek."

10Ir-raġel ma riedx jgħaddi l-lejl hemm; qabad u telaq u wasal sa quddiem Ġebus,
li hi Ġerusalemm; u kellu miegħu żewġt iħmir mgħobbija, u l-konkubina.

11Xħin qorbu lejn Ġebus, il-jum kien wasal fi tmiemu, u l-qaddej qal lil sidu: "Ejja
nduru lejn din il-belt tal-Ġebusin, u ngħaddu l-lejl hemmhekk."

12U sidu wieġbu: "Ma ndurux lejn belt il-barranin, li mhumiex minn ulied Iżrael.
Ħa nibqgħu sejrin sa Gibgħa."

13U ssokta jgħid lill-qaddej tiegħu: "Ejja naslu sa wieħed minn dawn il-postijiet
u ngħaddu l-lejl f'Gibgħa jew Rama."

14U baqgħu sejrin sakemm laħaqhom inżul ix-xemx, ħdejn Gibgħa ta' Benjamin.

15U lwew 'l hemm biex imorru jgħaddu l-lejl f'Gibgħa; u daħal u waqaf fil-misraħ
tal-belt, u ma kien hemm ħadd li laqagħhom biex jgħaddu l-lejl f'daru.

16U ara, raġel xiħ kien ġej filgħaxija minn fuq ix-xogħol fl-għalqa. Kien raġel mill-
muntanji ta' Efrajm, u kien frustier f'Gibgħa; imma n-nies tal-post kienu wlied
Benjamin.

17U rafa' għajnejh u ra r-raġel li kien għaddej mill-misraħ tal-belt, u r-raġel ix-xiħ
qallu: "Fejn sejjer? Mnejn ġej?"

18U hu wieġbu: "Ġejjin minn Betlehem ta' Ġuda, u sejrin lejn il-qalba tal-muntanji
ta' Efrajm. Jiena minn dawk l-inħawi, u mort sa Betlehem ta' Ġuda, u issa sejjer
lejn dari, u ma hawn ħadd li jilqagħni f'daru.


© 2020 Malta Bible Society.

[19]Għandi tiben u għalf għall-ħmir tagħna, ħobż u nbid għalija, u għall-qaddejja tiegħek, u għaż-żagħżugħ tal-qaddej tiegħek; xejn ma jonqosna."

[20]U x-xiħ qallu: "Is-sliem għalik! Naħsiblek għal kulma teħtieġ, biss la tgħaddix il-lejl fil-misraħ."

[21]U ħadu f'daru, tah l-għalf għall-ħmir, ħaslu riġlejhom, u kielu u xorbu.

[22]Meta kienu qalbhom ferħana, xi rġiel tal-belt, nies mill-agħar, dawru d-dar, u bdew iħabbtu fuq il-bieb u jgħajtu lix-xiħ, sid id-dar: "Oħorġilna r-raġel li daħal f'darek, ħa nużawh."

[23]U ħareġ ħdejhom ix-xiħ, sid id-dar, u qalilhom: "Le, ħuti, la tagħmlux din il-bluha! La darba dan ir-raġel daħal f'dari, la tagħmlux dan l-għajb.

[24]Ara, għandi 'l binti xebba u l-mara konkubina tiegħu; noħroġhomlkom u użawhom, u għamlu bihom li jogħġobkom, u 'l dan ir-raġel la tagħmlulux dan l-għajb."

[25]Iżda huma ma ridux jisimgħu u għalhekk ir-raġel qabad il-konkubina u ħariġhielhom barra; u huma żebilħuha, u nfexxew fiha l-lejl kollu sa filgħodu, u malli sebaħ telquha.

[26]Mas-sebħ il-mara ġiet u waqgħet fl-art ħdejn il-bieb ta' dar ir-raġel fejn kien żewġha, u baqgħet hemm sakemm sebaħ sewwa.

[27]U filgħodu qam żewġha, u fetaħ il-bieb tad-dar, u ħareġ biex jaqbad triqtu; u jsib il-mara konkubina tiegħu fl-art ħdejn il-bieb tad-dar b'idejha mqabbda mal-għatba.

[28]"Qum," qalilha, "ħa nitilqu." Imma hi ma weġbitx. U mbagħad għabbieha fuq il-ħmar, u r-raġel qabad u telaq lejn daru.

[29]Kif wasal id-dar ħa sikkina, qabad il-konkubina u qattagħha fi tnax-il biċċa b'għadamha b'kollox, u bagħathom fl-art kollha ta' Iżrael.

[30]U kull min ra dan qal: "Qatt sal-lum ma ġrat biċċa bħal din; u qatt ħadd ma ra bħalha minn mindu telgħu wlied Iżrael mill-art tal-Eġittu. Aħsbu fuqha, u araw x'se tagħmlu u tkellmu."

## Mħallfin 20

### L-Iżraelin ipattuha lin-nies ta' Gibgħa

[1]U wlied Iżrael ħarġu lkoll u ltaqgħet il-ġemgħa bħal bniedem wieħed, minn Dan sa Birsaba, u minn art Gilgħad f'Misfa, quddiem il-Mulej.

[2]U ħarġu fin-nofs il-kapijiet tal-poplu kollu u t-tribujiet ta' Iżrael kollha quddiem il-ġemgħa tal-poplu ta' Alla; erba' mitt elf ruħ tal-fanterija mħarrġa fix-xabla.


© 2020 Malta Bible Society.

[3]U wlied Benjamin semgħu li wlied Iżrael telgħu Misfa, u wlied Iżrael qalu:
“Tkellmu! Kif saret din il-biċċa ħażen?”

[4]U r-raġel Levita, żewġ il-mara maqtula, wieġeb u qal: “Konna wasalna, jiena u l-
konkubina tiegħi, f’Gibgħa ta’ Benjamin biex ngħaddu l-lejl hemmhekk.

[5]U qamu għalija n-nies ta’ Gibgħa, u dawruli d-dar billejl; lili riedu joqtluni, u lill-
konkubina tiegħi żebilħuha u mietet.

[6]Imbagħad jien ġbart il-konkubina u qattajtha bċejjeċ u bgħattha fl-oqsma kollha
ta’ art Iżrael; għax huma għamlu ħaġa faħxija u kerha f’Iżrael.

[7]Araw, hawn intom ilkoll; tkellmu u araw x’se tagħmlu.”

[8]U qam il-poplu kollu bħal bniedem wieħed u qalu: “Ħadd ma jerġa’ lura fl-għarix
tiegħu, u ħadd ma jmur lura lejn daru.

[9]Issa nagħmlu hekk lil Gibgħa: intellgħu x-xorti, u nitilgħu għaliha.

[10]Nieħdu minn kull tribù ta’ Iżrael għaxart irġiel minn kull mija, u mija minn kull
elf, u elf minn kull għaxart elef, biex iġibu l-ikel għall-poplu li ġie biex jagħmel
ma’ Gibgħa ta’ Benjamin skont ma ħaqqha għal dan il-ħażen li għamlu f’Iżrael.”

[11]U nġabru kollha għalenija bħal bniedem wieħed l-irġiel ta’ Iżrael kontra l-belt.

[12]U t-tribujiet ta’ Iżrael bagħtu nies fit-tribù kollu ta’ Benjamin jgħidulhom:
“X’ħażen hu dan, li sar f’nofskom?

[13]Agħtuna issa n-nies mill-agħar li hemm f’Gibgħa, u noqtluhom u nneħħu l-
ħażen minn Iżrael.” Imma wlied Benjamin ma ridux jisimgħu minn kliem
ħuthom, ulied Iżrael.

[14]U wlied Benjamin inġabru mill-ibliet f’Gibgħa biex joħorġu jitqabdu ma’ wlied
Iżrael.

[15]U ntgħaddu ulied Benjamin dakinhar: mill-ibliet, sitta u għoxrin elf raġel
imħarreġ fix-xabla barra n-nies ta’ Gibgħa;

[16]fost dawk in-nies kollha kien hemm ukoll seba’ mitt raġel magħżul, xellugin, u
kull wieħed kellu l-ħila jwaddab ġebla bl-iżbandola għal xagħra, u ma jfallilux.

[17]U wlied Iżrael intgħaddu wkoll: barra minn ulied Benjamin, erba’ mitt elf raġel
imħarreġ fix-xabla, kull wieħed raġel tal-ġlied.

[18]U qabdu u marru wlied Iżrael f’Betel u staqsew lil Alla u qalu: “Min minna jitla’
l-ewwel jitqabad ma’ wlied Benjamin?” U l-Mulej wieġeb: “Ġuda jitla’ l-ewwel.”

[19]Ulied Iżrael bakkru filgħodu, u waqqfu l-kamp biswit Gibgħa.

[20]In-nies ta’ Iżrael ħarġu għat-taqbida ma’ wlied Benjamin, u tqassmu għall-ġlied
ħdejn Gibgħa.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

21U wlied Benjamin ħarġu minn Gibgħa u meddew fl-art dakinhar tnejn u
għoxrin elf raġel minn Iżrael.

22Imma l-poplu għamel il-qalb u l-Iżraelin reġgħu tqassmu għat-taqbida fejn
kienu tqassmu fl-ewwel jum.

23U wlied Iżrael telgħu jibku quddiem il-Mulej sa filgħaxija, u staqsew lill-Mulej
u qalu: "Għandi jien nerġa' noħroġ nitqabad ma' wlied ħija Benjamin?" U l-Mulej
wieġeb: "Itilgħu għalih."

24Fit-tieni jum ulied Iżrael marru għal ulied Benjamin.

25U ħareġ jilqagħhom Benjamin minn Gibgħa fit-tieni jum u meddew mal-art
tmintax-il elf oħra minn ulied Iżrael, ilkoll imħarrġa fix-xabla.

26U wlied Iżrael ilkoll, u l-poplu kollu telgħu u marru Betel, u qagħdu hemm jibku
quddiem il-Mulej, u samu dak in-nhar sa filgħaxija u offrew sagrifiċċji tal-ħruq,
u sagrifiċċji tas-sliem quddiem il-Mulej.

27U wlied Iżrael staqsew lill-Mulej - għax hemm kienet l-arka tal-patt ta' Alla
f'dak iż-żmien

28u Fineħas bin Elgħażar, bin Aron, dik il-ħabta kien iservi quddiemha - u qalu:
"Għandi jien nerġa' noħroġ nitqabad ma' ħija Benjamin, jew nieqaf?" U l-Mulej
wieġeb: "Itilgħu, għax għada nerħih f'idejk."

29U Iżrael imbagħad dawwar lil Gibgħa dawramejt bl-għases moħbija.

30U fit-tielet jum ulied Iżrael telgħu għal ulied Benjamin u tqassmu ħdejn Gibgħa
bħall-ewwel u t-tieni darba.

31U wlied Benjamin ħarġu għall-poplu u tbiegħdu mill-belt, u bdew joqtlu mill-
eżerċtu bħall-ewwel u t-tieni darba fit-toroq li jieħdu, waħda għal Betel u l-oħra
għal Gibgħa, u fir-raba', u qatlu xi tletin raġel minn Iżrael b'kollox.

32U wlied Benjamin qalu: "Kissirniehom bħall-ewwel darba." U wlied Iżrael qalu:
"Ħa naħarbu, u nbegħduhom mill-belt, u nxerrduhom mat-toroq."

33U l-Iżraelin qamu kollha minn fejn kienu, u tqassmu f'Bagħal-tamar, u l-għases
moħbija ta' Iżrael ħarġu minn fejn kienu min-naħa tal-Punent ta' Gibgħa.

34U ġew quddiem Gibgħa għaxart elef raġel magħżula minn Iżrael kollu; u t-
taqbida ħraxet, u wlied Benjamin ma ntebħux li kienet ġejja fuqhom ħsara kbira.

35Il-Mulej ħarbat lil ulied Benjamin quddiem Iżrael, u dakinhar ulied Iżrael qatlu
minn ulied Benjamin ħamsa u għoxrin elf u mitt ruħ, ilkoll imħarrġa fix-xabla.

36Ulied Benjamin intebħu li kienu mirbuħa; u l-Iżraelin taw il-wisa' lil ulied
Benjamin, għax kellhom moħħhom mistrieħ bl-għases moħbija li kienu qiegħdu
ħdejn Gibgħa.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

37 U l-għases moħbija ntefgħu bil-ħeffa fuq Gibgħa, ħabtu għall-belt minn kull naħa, u għaddew il-belt kollha minn xifer ix-xabla.

38 L-Iżraelin kienu ftiehmu mal-għases moħbija li jtellgħu sħaba duħħan mill-belt.

39 Malli l-Iżraelin li kienu jitqabdu daru, ulied Benjamin bdew jaħbtu għall-Iżraelin u qatlu minnhom xi tletin raġel, għax qalu: “Iva, kissirniehom bħal fl-ewwel taqbida.”

40 Imma dak il-ħin bdiet tielgħa minn fuq il-belt sħaba duħħan; u wlied Benjamin ħarsu lura, u raw in-nar mill-belt tiela’ lejn is-sema.

41 U l-Iżraelin daru u wlied Benjamin tħawdu għax raw li laħqithom il-ħsara;

42 u daru, u ħarbu minn quddiem Iżrael lejn id-deżert; imma l-ġlied laħaqhom, u dawk li kienu ħierġa mill-belt daħlu ġo nofshom u bdew iqattgħuhom bċejjeċ.

43 Hekk dawru lil ulied Benjamin, u għamlu għal warajhom u għaffġuhom taħt riġlejhom minn Noħa sa quddiem Gibgħa, in-naħa tal-Lvant.

44 U waqgħu mejtin tmintax-il elf raġel minn Benjamin, kollha nies ta’ ħila.

45 L-oħrajn daru u ħarbu lejn id-deżert lejn il-blat ta’ Rimmon; l-Iżraelin qatlu minnhom fit-toroq ħamest elef raġel u baqgħu jrossu fuqhom sa Gidgħon u qatlu elfejn oħra.

46 U dakinhar il-mejtin kollha ta’ Benjamin laħqu l-ħamsa u għoxrin elf raġel imħarrġa fix-xabla, kollha nies ta’ ħila.

47 U ħarbu lura lejn id-deżert sitt mitt raġel, u baqgħu fil-blat ta’ Rimmon għal erba’ xhur.

48 Imbagħad ulied Iżrael daru għal ulied Benjamin l-oħra, u għaddew minn xifer ix-xabla n-nies fil-belt, u l-bhejjem u kulma sabu; u l-ibliet li sabu tawhom in-nar.

## Mħallfin 21

### Tiġdid tat-tribù ta’ Benjamin

1 L-Iżraelin kienu ħalfu f’Misfa u qalu: “Hadd minna ma jagħti ’l bintu lil xi ħadd minn Benjamin b’martu.”

2 Imbagħad il-poplu mar f’Betel, u baqgħu hemm sa filgħaxija jibku quddiem Alla, għollew leħinhom u bkew biki kbir, u qalu:

3 “Għaliex, Mulej, Alla ta’ Iżrael, ġara dan f’Iżrael, li naqset illum tribù f’Iżrael?”

4 L-għada l-poplu bakkar, u bnew hemm artal, u offrew sagrifiċċji tal-ħruq u sagrifiċċji tas-sliem.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

5U wlied Iżrael qalu: "Hemm xi ħadd mit-tribujiet kollha ta' Iżrael li ma talax għal-laqgħa quddiem il-Mulej?" Għaliex kienu ħalfu bil-kbir għal min ma jitlax quddiem il-Mulej f'Misfa u qalu: "Nagħtuh il-mewt."

6Ulied Iżrael għelew għal ħuhom Benjamin u qalu: "Illum inqata' tribù minn Iżrael.

7X'se nagħmlu lil dawk li baqgħu minnhom biex ikollhom in-nisa? Aħna ħlifna bil-Mulej li ma nagħtuhomx mill-bniet tagħna b'nisa tagħhom."

8U ssuktaw jgħidu: "Min mit-tribujiet ta' Iżrael ma telax quddiem il-Mulej f'Misfa?" U sabu li ħadd minn Ġabes-gilgħad ma kien ġie fil-kamp għal-laqgħa.

9Għax għaddew il-poplu, u sabu li ma kien hemm ħadd minn Ġabes-gilgħad.

10U l-ġemgħa bagħtet tnax-il elf raġel, irġiel ta' ħila, u ordnawlhom u qalulhom: "Morru u oqtlu n-nies ta' Ġabes-gilgħad b'xifer ix-xabla, bin-nisa u t-tfal.

11Iżda araw x'għandkom tagħmlu: Oqtlu l-irġiel kollha u n-nisa kollha li kellhom x'jaqsmu ma' raġel, iżda x-xebbiet ħalluhom ħajjin." U hekk għamlu.

12U sabu fost in-nies ta' Ġabes-gilgħad erba' mitt xebba li qatt ma kienu għarfu raġel u raqdu miegħu; u ġabuhom fil-kamp f'Silo li jinsab f'art Kangħan.

13U l-ġemgħa kollha bagħtet l-aħbar lil ulied Benjamin li kienu fil-blat ta' Rimmon u għamlu paċi.

14U wlied Benjamin reġgħu lura, u l-Iżraelin tawhom in-nisa li kienu ħallew ħajjin min-nies ta' Ġabes-gilgħad; imma ma sabulhomx biżżejjed.

15Il-poplu għela għal Benjamin, billi l-Mulej ġieb dan il-vojt fit-tribujiet ta' Iżrael.

16U x-xjuħ tal-ġemgħa qalu: "X'nagħmlu biex dawk li baqgħu jkollhom in-nisa? Għax inqerdu lkoll in-nisa ta' Benjamin."

17U ssuktaw jgħidu: "Għandu jkun hemm werrieta għall-fdal ta' Benjamin, biex ma jinqeridx tribù minn Iżrael.

18Aħna ma nistgħux nagħtukom nisa mill-bniet tagħna, għax ulied Iżrael ħalfu u qalu: 'Misħut min jagħti xi mara lil Benjamin.' "

19U ssuktaw jgħidu: "Ara, minn sena għal sena jkun hemm festa lill-Mulej f'Silo," - din qiegħda fuq it-Tramuntana ta' Betel, fuq il-Lvant tat-triq li tieħu minn Betel għal Sikem, 'l isfel minn Lebona.

20U mbagħad taw parir lil ulied Benjamin u qalulhom: "Morru u staħbew qalb id-dwieli.

21Malli taraw il-bniet ta' Silo ħerġin biex iduru u jiżfnu, oħorġu minn qalb id-dwieli u kull wieħed jaħtaf mara għalih mill-bniet ta' Silo; imbagħad morru f'art Benjamin.


© 2020 Malta Bible Society.

22Jekk missirijiethom jew ħuthom jeħduha magħna, ngħidulhom: 'Ħennu
għalihom, għax ħadd minnhom ma ħa mara fil-gwerra. Kieku qegħdin
tagħtuhomlhom intom, kontu tidinbu.' "

23U hekk għamlu wlied Benjamin, u ħadu nisa miż-żeffiena li ħatfu skont l-għadd
tagħhom, u reġgħu marru lejn arthom, u bnew l-ibliet u għammru fihom.

24U wlied Iżrael dak iż-żmien telqu, kulħadd lejn it-tribù u l-familja tiegħu; u
minn hemm kulħadd għal artu.

25F'dak iż-żmien ma kienx hemm sultan f'Iżrael, u kulħadd kien jagħmel li
jogħġbu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

# Rut

## Rut 1

### Fl-art ta’ Mowab

1Fi żmien meta kienu jaħkmu l-imħallfin, kien hemm l-għaks fil-pajjiż. Kien hemm raġel minn Betlehem ta’ Ġuda li mar joqgħod fl-inħawi ta’ Mowab, hu, martu u ż-żewġ uliedu.

2Ir-raġel kien jismu Elimelek, martu Nagħomi, u ż-żewġ uliedu Maħlon u Kiljon, Efratin minn Betlehem ta’ Ġuda. Marru joqogħdu fl-inħawi ta’ Mowab.

3Ġara li miet Elimelek, żewġ Nagħomi, u baqgħu hi u ż-żewġ uliedha.

4U dawn ħadu b’nisa tagħhom tnejn mill-Mowabin: waħda jisimha Għorfa, u l-oħra Rut; u qagħdu hemm għal xi għaxar snin.

5U mietu ż-żewġ irġiel Maħlon u Kiljon; u l-mara baqgħet weħidha mingħajr iż-żewġ uliedha u żewġha.

6Qamet hi u n-nisa ta’ wliedha biex jerġgħu lura mill-inħawi ta’ Mowab, għax kienu semgħu f’Mowab li l-Mulej kien ħaseb fil-poplu tiegħu, u pprovdielhom il-ħobż.

7U ħarġet minn fejn kienet hi u ż-żewġ nisa ta’ wliedha, u qabdu t-triq biex jerġgħu lura lejn l-art ta’ Ġuda.

8U Nagħomi qalet liż-żewġ nisa: “Itilqu, erġgħu lura kull waħda f’dar ommha, u jalla jagħmel ħniena magħkom il-Mulej, kif intom għamiltu mal-mejtin u miegħi.

9U jagħtikom il-Mulej li ssibu l-mistrieħ, kull waħda f’dar żewġha.” U bisithom it-tnejn, u għollew leħinhom u bkew.

10Iżda huma qalulha: “Aħna niġu lura miegħek għand niesek.”

11U Nagħomi wieġbet: “Erġgħu lura, uliedi. Għala tridu tiġu miegħi? Għandi jien, jaqaw, ulied f’ġufi biex ikunu żwieġkom?

12Erġgħu lura, uliedi. Jien xjeħt wisq biex nerġa’ niżżewweġ. Kieku ngħid li għad fadalli tama, u llejla stess niżżewweġ u niled it-tfal,

13jaqaw se tistennewhom sakemm jikbru? Se toqogħdu intom mingħajr ma tiżżewġu? Le, uliedi, għax għandi mrar kbir minħabba fikom; tassew li laħqitni id il-Mulej.”

14U huma għollew leħinhom u reġgħu bkew. Għorfa bieset lil omm żewġha, imma Rut baqgħet imqabbda magħha.

### Nagħomi u Rut f’Betlehem

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

15Nagħomi qaltilha: "Il-kunjata reġgħet lura għand niesha u l-allat tagħha. Mur lura mal-kunjata."

16U Rut wieġbet: "Iġġagħalnix nitilqek u nerġa' lura minnek; fejn tmur int, immur jien; fejn toqgħod int, noqgħod jien; niesek, niesi; Alla tiegħek, Alla tiegħi;

17fejn tmut int, immut jien; u hemm nindifen. Dan jagħmilli, u aktar, il-Mulej, jekk ma tkunx il-mewt li tifridna."

18U Nagħomi rat kif webbset rasha biex tmur magħha, u ma kellmithiex iżjed.

19U telqu t-tnejn sakemm waslu Betlehem. Kif waslu Betlehem qamet għagħa waħda mal-belt kollha, għax qalu: "Din hi Nagħomi?"

20U hi qaltilhom: "Issejħulix Nagħomi: sejħuli Mara, għax bl-imrar imlieni Alla li jista' kollox.

21Mimlija tlaqt minn hawn u b'xejn reġġagħni lura l-Mulej. Għala ssejħuli Nagħomi, meta l-Mulej ċekkinni, u għakkisni Xaddaj?"

22U hekk reġgħet lura Nagħomi u Rut il-Mowabija, mart binha, magħha, mill-inħawi ta' Mowab. Kien żmien il-ħsad tax-xgħir meta waslu Betlehem.

## Rut 2

### Rut fl-għalqa ta' Bogħaż

1Nagħomi kellha wieħed jiġi minnha min-naħa ta' żewġha; kien bniedem għani ħafna, mill-familja ta' Elimelek u kien jismu Bogħaż.

2U Rut, il-Mowabija, qalet lil Nagħomi: "Ħa mmur fir-raba', u llaqqat is-sbul minn wara min juri ħniena miegħi." U Nagħomi weġbitha: "Mur binti."

3U marret tlaqqat fir-raba' minn wara l-ħassada. U messitha għalqa minn ta' Bogħaż, li kien wieħed mill-familja ta' Elimelek.

4U ara, Bogħaż ġie minn Betlehem u sellem lill-ħassada: "Il-Mulej magħkom." U huma qalulu: "Ibierkek il-Mulej."

5U Bogħaż qal lill-qaddej tiegħu, li kien fuq il-ħassada: "Ta' min hi din it-tifla?"

6U wieġeb il-qaddej li kien fuq il-ħassada u qallu: "Tifla Mowabija, li ġiet ma' Nagħomi mill-inħawi ta' Mowab.

7U staqsietni: 'Nista' llaqqat u niġbor minn bejn il-qatet tal-ħassada?' U ġiet u baqgħet hawn mis-sebħ sa issa, u anqas marret id-dar tistrieħ."

8U Bogħaż qal lil Rut: "Ara, qiegħda tisma', binti? Tmurx tlaqqat f'għalqa oħra. U lanqas ma għandek twarrab minn hawn: ibqa' mal-ħaddiema bniet tiegħi.


© 2020 Malta Bible Society.

9 Żomm għajnejk fuq l-għalqa li jkunu jaħsdu, u imxi warajhom. Ara, wissejt lill-ħaddiema biex ma jmissukx. Meta jieħdok l-għatx mur ħdejn il-ġarar, u ixrob mnejn jixorbu l-ħaddiema."

10 U niżlet wiċċha fl-art u qaltlu: "Kif sibt ħniena f'għajnejk u ħarist lejja, jien, li jien mara barranija?"

11 U wieġeb Bogħaż: "Qaluli b'kulma għamilt mal-kunjata wara l-mewt ta' żewġek; ħallejt lil missierek u lil ommok u lil art twelidek, u tlaqt għal għand poplu li int xejn ma kont tafu qabel.

12 Il-Mulej iħallsek ta' għemilek. Ħlasek ikun sħiħ mingħand il-Mulej, Alla ta' Iżrael, li int ġejt tistkenn taħt ġwenħajh."

13 Rut wieġbet: "Jalla nsib ħniena f'għajnejk, Sidi, għax int farraġtni u kellimt il-qalb tal-qaddejja tiegħek, għalkemm jien m'iniex daqs waħda mill-qaddejja tiegħek."

14 F'ħin l-ikel Bogħaż qalilha: "Ersaq 'l hawn, u kul biċċa ħobż, u bill il-ftiet tiegħek fil-ħall." U hi qagħdet bilqiegħda ħdejn il-ħassada. Hu taha qamħ inkaljat, u hi kielet, xebgħet, u fadlilha.

15 U qamet biex tkompli tlaqqat. Bogħaż wissa lill-ħaddiema tiegħu u qalilhom: "Ħalluha tlaqqat bejn il-qatet ukoll, u la tgerrxuhiex.

16 Anzi ħallu wkoll jaqa' s-sbul mill-qatet biex tlaqqtu hi, u tlumuhiex."

17 U damet tlaqqat fir-raba' sa filgħaxija. Meta, imbagħad, daqqet is-sbul li kienet laqqtet, sabet li kellha daqs efa xgħir.

18 Ġabritu u marret lejn il-belt, u wriet lill-kunjata dak li kienet laqqtet; ħarġet li kien fadlilha meta kielet u xebgħet, u tathulha.

19 Il-kunjata staqsietha: "Fejn mort tlaqqat il-qamħ illum? Fejn ħdimt? Imbierek minn ħa ħsiebek." U Rut għarrfet lill-kunjata ma' min kienet ħadmet u qaltilha: "Ir-raġel li ħdimt miegħu llum jismu Bogħaż."

20 U Nagħomi wieġbet lil mart binha: "Imbierek hu mill-Mulej, li ma warrabx il-ħniena tiegħu la mill-ħajjin u lanqas mill-mejtin." U Nagħomi ssuktat tgħidilha: "Dak ir-raġel hu qaribna, u hu li għandu d-dritt tal-fidwa fuqna."

21 Rut, il-Mowabija, qaltilha wkoll: "U qalli wkoll: Ibqa' mal-qaddejja bniet tiegħi sakemm itemmu l-ħsad kollu tiegħi."

22 U Nagħomi qalet lil Rut, mart binha: "Aħjar, binti, tmur mal-qaddejja bniet tiegħu, biex ma jaħqrukx f'xi għalqa oħra."

23 U Rut baqgħet mal-qaddejja ta' Bogħaż, sakemm intemm ħsad ix-xgħir u ħsad il-qamħ; u f'dan iż-żmien kienet toqgħod mal-kunjata.


© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

# Rut 3

### Il-parir ta’ Nagħomi

1U Nagħomi, il-kunjata, qalet lil Rut: “Binti, ma jidhirlekx li għandi nfittex li
tinġabar għall-ġid tiegħek stess?

2U issa, forsi Bogħaż mhux qaribna, dak li int kont mat-tfajliet tiegħu? Ara llejla
hu jkun iderri l-andar tax-xgħir.

3Mur inħasel, indilek bil-fwieħa, xidd fuqek l-aħjar ilbies, u mur l-andar. Tħallihx
jagħrfek, sakemm ma jkunx kiel u xorob.

4Meta mbagħad jimtedd, sib il-post fejn ikun mimdud, mur ħdejh, ikxiflu n-naħa
ta’ riġlejh, u mtedd hemm. Imbagħad hu jgħidlek x’għandek tagħmel.”

5Rut weġbitha: “Kulma tgħidli, nagħmlu.”

6U niżlet l-andar, u għamlet kulma wissietha l-kunjata.

7Bogħaż kiel u xorob, u ħassu ferħan, u mar jimtedd f’tarf il-munzell tax-xgħir. U
Rut resqet ħdejh, inkiss inkiss, u kixfitlu n-naħa ta’ riġlejh, u mteddet hemm.

8Ġara li f’nofs ta’ lejl ħass bħal tkexkixa bard, dar fuq ġenbu, lemaħ mara
mimduda ħdejn riġlejh,

9u staqsieha: “Min int?” U hi wieġbet: “Jiena Rut, il-qaddejja tiegħek. Ixħet djul
mantarek fuq il-qaddejja tiegħek, għax int għandek il-jedd tal-fidwa.”

10Bogħaż weġibha: “Imbierka, binti, mill-Mulej! Din tjubitek tal-aħħar, aħjar
mill-oħra ta’ qabel, għax int ma mortx tiġri wara ż-żgħażagħ, la għonja u lanqas
foqra.

11U issa, binti, la tibżax. Jien nagħmel miegħek kulma tgħidli, għax niesi kollha
fil-bieb tal-belt jafu li int mara sewwa.

12Tassew li għandi l-jedd tal-fidwa, iżda hemm wieħed eqreb minni.

13Għaddi l-lejl hawn: għada filgħodu, jekk irid jifdik hu, tajjeb, ħa jifdik; jekk ma
jogħġbux jifdik, nifdik jien. Ħaj il-Mulej! Ibqa’ rieqda hawn sa filgħodu.”

14Rut baqgħet rieqda n-naħa ta’ riġlejh sa filgħodu. U qamet Rut kmieni qabel
ma bniedem jista’ jagħraf ieħor, għax Bogħaż qal: “Ma jmurx xi ħadd ikun jaf li
ġiet mara l-andar.”

15U mbagħad qalilha: “Ġib il-mantar ta’ fuqek u żommu tajjeb.” Hi żammitu
tajjeb, u hu kejlilha sitt tikjiliet xgħir; għabbihomlha, u rħitilha lejn il-belt.

16Meta waslet id-dar il-kunjata staqsietha: “X’minnek, binti?” U Rut għarrfitha
b’kulma kien għamel magħha r-raġel


© 2020 Malta Bible Society.

17 u qaltilha: “Tani sitt tikjiliet xgħir u qalli: ‘Ma tmurx b’idek f’idek għand il-kunjata.”

18 U Nagħomi wieġbet: “Stenna, binti, sakemm tara kif se tintemm il-biċċa, għax ma jsibx sabar qabel ma jirranġa kollox illum.”

## Rut 4

### Il-bejgħ tal-għalqa u ż-żwieġ ta’ Rut

1 Bogħaż mar ħdejn bieb il-belt u qagħad hemm bilqiegħda; u għadda l-qarib li kien semma Bogħaż. Dan qallu: “Ersaq ’l hawn, ħabib, u oqgħod bilqiegħda.” Resaq lejh u qagħad bilqiegħda hemm.

2 Imbagħad Bogħaż sejjaħ għaxra mix-xjuħ tal-belt, u qalilhom: “Oqogħdu bilqiegħda hawn” u qagħdu bilqiegħda.

3 U Bogħaż qal lill-qarib: “Nagħomi, li reġgħet lura mill-inħawi ta’ Mowab, se tbigħ biċċa mill-għalqa li kellu ħuna Elimelek.

4 U jien għedt, ngħarrfek biha u ngħidlek: ‘Ixtriha int quddiem dawn li hawn bilqiegħda, u quddiem ix-xjuħ ta’ niesi. Jekk tifdiha, tkun fdejtha; jekk ma tifdihiex, għarrafni ħalli nkun naf. Għax ma hemm ħadd aktar ħliefek li għandu d-dritt li jifdiha, u jien niġi warajk.” U hu wieġeb: “Nifdiha.”

5 U Bogħaż qallu: “Dak in-nhar li tixtri l-għalqa mingħand Nagħomi, int tkun trid tieħu wkoll lil Rut il-Mowabija, mart il-mejjet, biex tqajjem isem il-mejjet fuq wirtu.”

6 U l-qarib wieġeb: “Ma nistax nifdi, għax inkella nagħmel ħsara lil wirti. Hu d-dritt li għandi jien, u ifdiha int, għax jien ma nistax nifdiha.”

7 Dik il-ħabta kienet id-drawwa f’Iżrael, li meta wieħed kien jifdi jew jibdel xi ħaġa, biex iseħħ il-ftehim, kien jaqla’ l-qorq u jagħtih lill-ieħor. Din kienet ix-xhieda f’Iżrael.

8 Il-qarib imbagħad qal lil Bogħaż: “Ħudha int,” u qala’ l-qorq.

9 U Bogħaż qal lix-xjuħ u lin-nies kollha: “Intom illum xhud li jien xtrajt kulma kellu Elimelek, u kulma kellu Kiljon, u kulma kellu Maħlon mingħand Nagħomi.

10 Nieħu wkoll b’marti lil Rut il-Mowabija, il-mara ta’ Maħlon, biex inqajjem l-isem tal-mejjet fuq il-wirt tiegħu, u b’hekk ma jispiċċalux ismu minn fost ħutu u minn bwieb beltu. Intom illum ilkoll xhud ta’ dan.”

11 U n-nies kollha li kienu ħdejn il-bieb tal-belt u x-xjuħ qalulu: “Aħna xhud. Jagħmel Alla l-mara li daħlet f’darek bħal Rakel u bħal Lija, li t-tnejn bnew id-dar ta’ Iżrael. Stagħna f’Efrata u agħmel isem f’Betlehem.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

12Ħa tkun darek bħad-dar ta' Pereż li Tamar wildet lil Ġuda, min-nisel li jagħtik
il-Mulej minn din il-mara żagħżugħa."

### Rut il-bużnanna ta' David

13Bogħaż ħa lil Rut, u saret martu, u resaq lejha, u l-Mulej taha li titqal u tiled
iben.

14U n-nisa bdew jgħidu lil Nagħomi: "Imbierek il-Mulej, li ma ċaħħdekx minn
qarib feddej illum; ismu jkun magħruf f'Iżrael.

15Hu jfarraġlek ruħek u jwieżnek fi xjuħitek, għaliex wilditu mart ibnek, li
tħobbok, u li għalik hi aħjar minn seba' wlied."

16U Nagħomi ħadet it-tarbija, u qegħditha f'ħoġorha u ħaditha biex trabbiha.

17U n-nisa tawha isem u qalu: "Nagħomi tweldilha tifel." U semmewh Għobed.
Hu missier Ġesse, missier David.

18Din hi l-ġenerazzjoni ta' Pereż; Pereż nissel lil Hesron;

19Hesron nissel lil Ram, u Ram nissel lil Għamminadab.

20Għamminadab nissel lil Naħson, u Naħson nissel lil Salmon.

21Salmon nissel lil Bogħaż, u Bogħaż nissel lil Għobed.

22U Għobed nissel lil Ġesse, u Ġesse nissel lil David.


© 2020 Malta Bible Society.

## 1 Samwel 1

### Il-ġenituri ta' Samwel

1Kien hemm raġel minn Ramatajm-sofim mill-muntanji ta' Efrajm, u kien jismu Elkana bin Ġeroħam, bin Eliħu, bin Toħu, bin Suf minn Efrajm.

2U kellu żewġ nisa, waħda jisimha Anna u l-oħra Peninna. Peninna kellha wlied, imma Anna ma kellhiex ulied.

3Minn sena għal oħra dan ir-raġel kien jitla' Silo mill-belt tiegħu biex jadura lill-Mulej tal-eżerċti u joffrilu sagrifiċċju. Kien hemm iż-żewġ ulied ta' Għeli, Hofni u Fineħas, qassisin tal-Mulej.

4Ġara li f'jum minnhom, Elkana offra s-sagrifiċċju u ta ishma lil martu Peninna u lis-subien u l-bniet tagħha lkoll;

5imma lil Anna, għalkemm kien iħobbha, taha sehem wieħed biss għax il-Mulej kien għalqilha ġufha.

6Il-mara l-oħra kienet tinkiha u tweġġagħha, għax il-Mulej kien għalqilha ġufha.

7Hekk kien jiġri kull sena, kull meta kienu jitilgħu f'dar il-Mulej; hekk kienet tħobb tinkiha, u Anna kienet taqbad tibki u ma tikolx.

8Darba żewġha Elkana qalilha: "Anna! Għaliex qiegħda tibki u għaliex m'intix tiekol? Għala int qalbek sewda? M'iniex jien aħjar għalik minn għaxar ulied?"

9U wara li kielu u xorbu f'Silo, Anna qamet u marret quddiem il-Mulej, u l-qassis Għeli kien bilqiegħda fuq is-siġġu ħdejn it-tarġa tal-bieb tat-tempju tal-Mulej.

10Anna kellha qalbha kollha mrar, u bdiet titlob lill-Mulej, u tibki ħafna.

11Għamlet wegħda u qalet: "Mulej tal-eżerċti, jekk inti tħares lejn l-hemm tal-qaddejja tiegħek u tiftakar fija, u ma twarrabx il-qaddejja tiegħek, u tagħtiha tifel, hija tagħtih lill-Mulej il-jiem kollha ta' ħajtu, u minn fuq rasu ma jgħaddix il-mus."

12Damet titlob ħafna quddiem il-Mulej, u Għeli kien qiegħed iħares lejn fommha.

13Anna kienet titkellem f'qalbha; xufftejha biss kienu jitħarrku, u leħinha ma jinstamax. Għalhekk Għeli ħasibha fis-sakra

14u qalilha: "Kemm se ddum fis-sakra? Eħles mill-inbid li għandek fuqek."

15Anna wieġbet: "Le, sidi, jiena mara b'qalbha mugħugħa, u ma xrobt la nbid u lanqas xorb ieħor li jsakkar, imma qiegħda niftaħ qalbi quddiem il-Mulej.


© 2020 Malta Bible Society.

16La tqisx il-qaddejja tiegħek b'mara ħażina; s'issa tkellimt mill-kotra ta' hemmi
u n-niket tiegħi."

17Għeli wieġeb: "Mur bis-sliem. Alla ta' Iżrael sama' t-talba tiegħek, u jagħtik
kulma tlabtu."

18U hi wieġbet: "Jalla l-qaddejja tiegħek issib ħniena f'għajnejk." Il-mara qabdet
triqtha, kielet, u wiċċha ma baqax bħal qabel.

19L-għada filgħodu bakkru u marru jaduraw il-Mulej, u telqu lura lejn darhom
f'Rama.

### It-twelid ta' Samwel

Imbagħad Elkana għaraf 'il martu, u l-Mulej ftakar fiha.

20U tqalet, u meta wasal żmienha wildet iben u semmietu Samwel "għaliex", kif
qalet hi, "tlabtu lill-Mulej."

21Elkana bil-familja kollha tala' joffri s-sagrifiċċju ta' kull sena lill-Mulej u jtemm
il-wegħda tiegħu.

22Imma Anna ma telgħetx, għaliex qalet lil żewġha: "Meta nkun ftamt it-tifel,
imbagħad nieħdu biex jidher quddiem il-Mulej, u jibqa' hemm għal dejjem."

23U Elkana żewġha qalilha: "Agħmel kif jogħġbok; oqgħod sakemm toftmu. Biss
jalla l-Mulej iseddaq kelmtek!" U l-mara baqgħet hemm, u reddgħet it-tifel sa ma
fatmitu.

24U meta fatmitu, Anna tellgħet 'il binha magħha fid-dar tal-Mulej f'Silo. Ħadet
magħha gendus ta' tliet snin, efa dqiq u żaqq inbid, u marret bit-tfajjel magħha.

25Hemm qatlu l-gendus, u ressqu t-tifel quddiem Għeli,

26u qaltlu: "Nitolbok, sidi; daqskemm int ħaj, sidi, jien dik il-mara li kienet wieqfa
hawn ħdejk titlob lill-Mulej.

27Għal dan it-tifel kont tlabt, u l-Mulej laqa' t-talba tiegħi, u tani li tlabtu.

28U issa jien se nagħtih lill-Mulej il-jiem kollha ta' ħajtu, u kemm idum ħaj ikun
tal-Mulej." U qiemu lill-Mulej hemmhekk.

## 1 Samwel 2

### Il-kantiku ta' Anna

1U Anna bdiet titlob u tgħid: "Ferħet qalbi bil-Mulej; irtefgħet rasi fil-Mulej;
iddieħak fommi bl-għedewwa tiegħi, għax fraħt bis-salvazzjoni tiegħek.

2Ma hemm ħadd ħliefek, ħadd qaddis bħall-Mulej, m'hemmx Blata bħal Alla
tagħna.


© 2020 Malta Bible Society.

3La tlissnux iżjed kliem il-kburija, ma toħroġx aktar il-kburija minn fommkom;
għax il-Mulej Alla li jaf kollox, u jiżen kull għemil.

4Tkisser il-qaws tal-qawwijin, u d-dgħajfin tħażżmu bil-ħila.

5L-imxebbgħin bil-ħobż inkrew, u ma baqgħux jitħabtu l-imġewħin. Il-mara bla
tfal wildet sebgħa, u dbielet il-mara b'ħafna tfal.

6Il-Mulej jibgħat il-mewt u jagħti l-ħajja, iniżżel fl-imwiet u jtalla'.

7Il-Mulej ifaqqar u jagħti l-ġid, ibaxxi u jgħolli wkoll.

8Iqajjem mit-trab lill-imsejken u l-fqajjar jerfgħu mill-miżbla, u jqegħedhom
mal-kbarat, biex jirtu tron ta' ġieħ. Għax il-pilastri tal-art huma tal-Mulej, u
fuqhom sejjes id-dinja;

9Hu jħares il-passi tat-tajbin tiegħu; u l-ħżiena fid-dlam jintemmu, għax mhux
bil-qawwa jirbaħ il-bniedem.

10Il-Mulej iwerwer lil min jiqaflu, Alla l-Għoli jriegħed mis-smewwiet. Il-Mulej
jagħmel ħaqq minn truf l-art, u jagħti s-saħħa lis-sultan tiegħu, u jarfa' ras il-
midluk tiegħu."

11Elkana raġa' lura lejn daru f'Rama. U t-tfajjel baqa' jaqdi l-Mulej taħt għajnejn
Għeli, il-qassis.

### L-imġiba ta' wlied Għeli

12Ulied Għeli kienu nies mill-agħar: ma kinux iqisu lill-Mulej.

13U d-drawwa ta' dawn il-qassisin mal-poplu kienet, li meta xi ħadd kien joffri xi
sagrifiċċju, kien jersaq il-qaddej tal-qassis b'furketta bi tlitt isnien f'idu, waqt li
l-laħam ikun jagħli,

14u jdaħħalha ġol-kaldarun jew ġol-inħasa, ġol-kitla jew ġol-borma, u kulma kien
italla' bil-furketta kien jieħdu għalih il-qassis. Hekk kienu jagħmlu mal-Iżraelin
kollha li kienu jmorru f'Silo.

15Saħansitra qabel ma kienu jaħarqu x-xaħam, il-qaddej tal-qassis kien imur u
jgħid lil min ikun joffri: "Agħtini l-laħam biex nixwih għall-qassis, għax ma jiħux
laħam mgħolli mingħandek, imma nej."

16U jekk dak li jkun kien jgħidlu: "L-ewwel jaħarqu x-xaħam, imbagħad ħu kemm
trid," kien iwieġeb: "Le, issa trid tagħtihuli, inkella nieħdu bil-forza."

17Kbir ħafna kien id-dnub taż-żgħażagħ quddiem il-Mulej, għax in-nies kienu
jistmellu l-offerti tal-Mulej.

### Samwel iservi fit-tempju

18U Samwel kien iservi quddiem il-Mulej; kien għadu żgħir, imħażżem b'efod tal-
għażel.


© 2020 Malta Bible Society.

19 Kull sena ommu kienet tagħmillu mantar żgħir, u kienet ittellagħhulu minn sena għal oħra, meta l-mara kienet titla' toffri s-sagrifiċċju ta' kull sena.

20 Għeli kien ibierek lil Elkana u 'l martu u jgħidilhom: "Jagħtik il-Mulej ulied minn din il-mara flok il-wieħed li int tajt lill-Mulej." U mbagħad kienu jerġgħu lura lejn darhom.

21 U l-Mulej żar lil Anna, u tqalet u wildet tliet subien u żewġt ibniet. U ż-żagħżugħ Samwel baqa' jikber quddiem il-Mulej.

### Għeli u wliedu

22 Għeli kien xjieħ sewwa u sama' kif kienu jġibu ruħhom uliedu mal-Iżraelin kollha, u kif kienu jimteddu man-nisa li kienu jservu fil-bieb tat-tinda tal-laqgħa.

23 U qalilhom: "Għala qegħdin tagħmlu dawn il-ħwejjeġ? Għax jien qiegħed nisma' bl-għemil ħażin kollu tagħkom mingħand il-poplu kollu.

24 Le, uliedi, mhux sewwa x-xnigħat li qiegħed nisma' jxerrdu fuqkom il-poplu tal-Mulej.

25 Jekk bniedem jidneb kontra ieħor jindaħal għalih Alla, iżda jekk jidneb bniedem kontra l-Mulej, min se jaqbeż għalih?" Imma huma ma semgħux minn kliem missierhom, għax il-Mulej ried jeqridhom.

26 Imma ż-żagħżugħ Samwel kien dejjem jikber u jinġieb quddiem il-Mulej u quddiem il-bnedmin.

### Il-kundanna ta' dar Għeli

27 Ġie għand Għeli bniedem ta' Alla u qallu: "Dan jgħid il-Mulej: 'Ma għarraftx jien lili nnifsi lil dar missierek meta kienu fl-Eġittu lsiera f'dar il-Fargħun?

28 Meta għażiltu mit-tribujiet ta' Iżrael li jkunli qassis biex jitla' fuq l-artal tiegħi, biex jaħraq l-inċens u jġib l-efod quddiemi, u tajt lil dar missierek l-offerti kollha għall-ħruq ta' wlied Iżrael?

29 Għala mela tħarsu b'għajn ħażina lejn is-sagrifiċċju u l-offerta tiegħi, li jien ordnajt, imma inti rrispettajt lil uliedek aktar minni, u xabbajthom bl-aħjar mill-offerti kollha tal-poplu tiegħi Iżrael?'

30 Għalhekk din hi l-kelma tal-Mulej Alla ta' Iżrael: 'Jien kont wegħedt li darek u dar missierek isservi quddiemi għal dejjem, imma issa - il-kelma tal-Mulej - ma rridx naf. Inweġġaħ lil min iweġġagħni, u nistmerr lil min iżeblaħni.

31 Ara, għad jiġi żmien, u jien inqaċċat driegħek u driegħ dar missierek, u qatt ma jkun hemm xiħ f'dar missierek.

32 U int tħares b'għajn ħażina fuq il-ġid kollu li nagħmel lil Iżrael, u ma jkun hemm qatt xiħ f'darek.


© 2020 Malta Bible Society.

33Jekk qatt inħalli lil xi ħadd minn darek, u ma naqtgħux mill-artal tiegħi, dan nagħmlu biex jinfnew għajnejh u tnin ħajtu, u l-kotra ta' darek imutu fl-aħjar tagħhom.

34U dak li se jiġri liż-żewġ uliedek Hofni u Fineħas ikun sinjal għalik: f'jum wieħed imutu t-tnejn.

35U nqajjem għalija qassis fidil, li jagħmel kulma tixtieq qalbi u għandi f'moħħi; u nibnilu dar li tibqa' għal dejjem, u jaqdi s-sultan midluk tiegħi għaż-żminijiet kollha.

36U jiġri li min jifdal mid-dar tiegħek imur imil quddiemu, jitolbu l-flus u l-ħobż, u jgħidlu: 'Qabbadni, iddew, qabbadni f'xi biċċa xogħol tal-qassisin, biex niekol loqma ħobż.' "

## 1 Samwel 3

### Is-sejħa ta' Samwel

1Iż-żagħżugħ Samwel kien jaqdi l-Mulej ma' Għeli; imma l-kelma tal-Mulej kienet rari f'dak iż-żmien, ftit kien hemm dehriet.

2Ġara li, jum wieħed, Għeli kien mistrieħ f'postu, għax għajnejh kienu bdew jintfew, u ma kienx jista' jara.

3Il-musbieħ ta' Alla kien għadu ma ntefiex, u Samwel kien mimdud fit-tempju tal-Mulej, fejn kien hemm l-arka ta' Alla.

4Il-Mulej sejjaħ: "Samwel!" U dan wieġeb: "Hawn jien!"

5U mar jiġri għand Għeli. "Hawn jien," qallu, "għalfejn sejjaħtli?" "Ma sejjaħtlekx," wieġeb, "erġa' mur imtedd." U raġa' mar jorqod.

6U ssokta l-Mulej isejjaħ: "Samwel!" U Samwel qam u mar għand Għeli u qallu: "Hawn jien! Għalfejn sejjaħtli?" "Ma sejjaħtlekx, ibni," wieġeb, "erġa' mur orqod."

7Samwel kien għadu ma għarafx il-Mulej, u anqas kienet għadha ma ttgħarrfitlu l-kelma tal-Mulej.

8U ssokta l-Mulej isejjaħ: "Samwel!" għat-tielet darba. U dan qam, u mar għand Għeli, u qallu: "Hawn jien! Għalfejn sejjaħtli?" U Għeli fehem li l-Mulej kien qiegħed isejjaħ iż-żagħżugħ.

9U qal lil Samwel: "Mur orqod. Jekk jerġa' jsejjaħlek, wieġeb: Tkellem, Mulej, għax il-qaddej tiegħek qiegħed jisma'." U Samwel mar jorqod f'postu.

10U l-Mulej ġie, waqaf ħdejh, u sejjaħ bħal drabi oħra: "Samwel! Samwel!" U Samwel wieġeb: "Tkellem, għax il-qaddej tiegħek qiegħed jisma'."


© 2020 Malta Bible Society.

11U qal il-Mulej lil Samwel: "Ara, jien se nagħmel waħda f'Iżrael, li kull min jisma'
biha jdamdmu widnejh it-tnejn.

12Dakinhar inġib fuq Għeli kulma kont għedt kontra daru; nibda u ntemm.

13Ħabbartlu li jien għad nagħmel ħaqq minn daru għal dejjem, talli hu kien jaf li
wliedu kienu qegħdin jagħmlu l-ħażen u jżebilħu 'l Alla, u hu ma ċanfarhomx.

14U għalhekk jien naħlef lil dar Għeli: Il-ħażen ta' dar Għeli ma jinħafirx, la bis-
sagrifiċċji u lanqas bl-offerti, qatt u qatt!"

15Samwel baqa' rieqed sa filgħodu, u mbagħad fetaħ bwieb dar il-Mulej; imma
baża' jgħarraf lil Għeli bil-viżjoni li kellu.

16Għeli sejjaħ lil Samwel u qallu: "Samwel, ibni," u hu wieġeb: "Hawn jien."

17U staqsieh: "X'inhu li qallek? Taħbili xejn. Hekk u hekk jagħmillek Alla u
iżjed jekk taħbili xi ħaġa minn kulma qallek."

18U Samwel għarrfu b'kollox bla ma ħbielu xejn. U Għeli qal: "Hu l-Mulej! -
Jagħmel li jogħġbu!"

19Samwel kiber, u l-Mulej kien miegħu, u ma ħalla ebda kelma milli qal tmur fix-
xejn.

20U Iżrael kollu, minn Dan sa Birsaba, għaraf li Samwel kien tassew profeta tal-
Mulej,

21u l-Mulej baqa' jidher f'Silo, għax hemm kien għarraf lilu nnifsu lil Samwel,
f'Silo, permezz tal-kelma tal-Mulej.

## 1 Samwel 4

1U kelmet Samwel kienet għall-poplu kollu.

### Il-Filistin jirbħu lill-Iżraelin u joħdulhom l-arka

Iżrael ħareġ biex jitqabad mal-Filistin, u waqqfu l-kamp tagħhom f'Eben-għeżer,
u l-Filistin waqqfuh f'Afek.

2Il-Filistin tqassmu quddiem Iżrael, u ħadet ġlieda sewwa. L-Iżraelin tħarbtu
quddiem il-Filistin, u sfaw midruba fir-raba' xi erbat elef raġel.

3Meta l-poplu raġa' daħal fil-kamp, ix-xjuħ ta' Iżrael staqsew: "Għaliex il-Mulej
ħarbatna llum quddiem il-Filistin? Ha nġibu minn Silo l-arka tal-patt tal-Mulej, u
tiġi f'nofsna u ssalvana mill-għedewwa tagħna."

4Il-poplu bagħat iġib minn Silo l-arka tal-patt tal-Mulej tal-eżerċti li qiegħed fuq
il-kerubini. Mal-arka tal-patt ta' Alla kien hemm iż-żewġ ulied ta' Għeli: Hofni u
Fineħas.


© 2020 Malta Bible Society.

5Malli l-arka tal-patt tal-Mulej waslet fil-kamp, l-Iżraelin kollha għajtu għajta kbira, hekk li theżżet l-art.

6Il-Filistin semgħuh il-ħoss ta' dik l-għajta, u qalu: "X'inhu dan il-ħoss ta' din l-għajta fil-kamp tal-Għebrej?" U saru jafu li l-arka tal-Mulej kienet waslet fil-kamp.

7U l-Filistin beżgħu għaliex, kif qalu, "Ġie Alla fil-kamp!" U qalu: "Jaħasra għalina! Qatt ma ġrat ħaġa bħal din s'issa.

8Jaħasra għalina! Min se jeħlisna minn id dawn l-allat qawwija? Dawn huma l-allat li ħarbtu lill-Eġizzjani b'kull xorta ta' kastigi fid-deżert.

9Agħmlu l-qalb u kunu rġiel, Filistin, ħalli ma taqgħux ilsiera tal-Għebrej, bħalma kienu huma lsiera tagħkom. Kunu rġiel u tqabdu!"

10Il-Filistin tqabdu, u l-Iżraelin tħarbtu, u kulħadd ħarab lejn l-għarix tiegħu; kien hemm tħarbita sħiħa, u minn Iżrael waqgħu tletin elf raġel mill-fanterija.

11L-arka ta' Alla nqabdet, u mietu ż-żewġ ulied ta' Għeli: Hofni u Fineħas.

### Il-mewt ta' Għeli

12Raġel mit-tribù ta' Benjamin telaq jiġri mit-taqbida, u wasal dak in-nhar stess f'Silo b'ilbiesu mċarrat u t-trab fuq rasu.

13Xħin wasal, Għeli kien bilqiegħda fuq is-siġġu tiegħu ħdejn it-triq ta' Misfa, b'qalbu ttaqtaq minħabba l-arka ta' Alla. U r-raġel daħal fil-belt jagħti l-aħbar u l-belt kollha bdiet tgħajjat.

14U Għeli sama' l-għagħa ta' dak l-għajjat u qal: "X'inhu dan l-għajjat u l-għagħa kollu?" U r-raġel mar jgħaġġel jagħti l-aħbar lil Għeli.

15Għeli kellu tmienja u disgħin sena, għajnejh ma kinux jitħarrku u ma kienx jista' jara.

16U r-raġel qal lil Għeli: "Jiena ġej mill-kamp, jien li ħrabt mill-kamp illum." U Għeli staqsieh: "Kif marret il-biċċa, ibni?"

17U r-raġel li ġieb l-aħbar wieġeb: "Iżrael ħarab minn quddiem il-Filistin, u kien hemm ukoll ħerba kbira fost il-poplu; u ż-żewġ uliedek, Hofni u Fineħas, mietu; u ħadulna l-arka ta' Alla."

18U malli semmielu l-arka ta' Alla Għeli waqa' minn fuq is-siġġu għal waranijiet maġenb il-bieb, u kiser għonqu u miet - kien xiħ u raġel tqil. Kien ilu jaħkem lil Iżrael għal erbgħin sena.

19Il-kunjata tiegħu, mart ibnu Fineħas, li kienet tqila u qorbot biex teħles, malli semgħet bl-aħbar li ħadulhom l-arka ta' Alla, u bil-mewt ta' żewġha u missieru, qabadha wġigħ il-ħlas, mielet u ħelset.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

20 Meta kienet qiegħda tmut dawk li kienu madwarha qalulha: “La tibżax, għax wilidt tifel,” imma ma weġbitx u anqas ma tat kas.

21 U semmiet it-tarbija Ikabod u qalet: “Is-sebħ tbiegħed minn Iżrael,” għax kienu ħadulhom l-arka ta’ Alla, u minħabba żewġha u missieru.

22 U qalet: “Tbiegħed is-sebħ minn Iżrael, għaliex ħadulna l-arka ta’ Alla.”

## 1 Samwel 5

### L-arka f’art il-Filistin

1 U l-Filistin qabdu l-arka ta’ Alla, u ġibuha minn Eben-għeżer għal Asdod.

2 Imbagħad ħadu l-arka ta’ Alla u ġabuha fit-tempju ta’ Dagon, u qegħduha ħdejn Dagon.

3 Meta bakkru l-għada filgħodu l-Asdodin u marru jaraw, isibu lil Dagon mixħut wiċċu fl-art quddiem l-arka tal-Mulej, u qabdu lil Dagon u reġgħu qegħduh f’postu.

4 Kif qamu l-għada filgħodu reġgħu sabu lil Dagon mixħut wiċċu fl-art quddiem l-arka tal-Mulej, u rasu u idejh it-tnejn maqtugħin fuq l-għatba; ġismu biss kien baqa’ minn Dagon.

5 Għalhekk għadhom sal-lum il-qassisin ta’ Dagon u kull min jidħol fit-tempju ta’ Dagon, ma jirfsux fuq l-għatba ta’ Dagon f’Asdod.

6 U id il-Mulej tqalet fuq l-Asdodin, u għamlet ħerba minnhom, u darabhom bil-morliti, ’l Asdod u l-inħawi tagħha.

7 Meta n-nies ta’ Asdod raw dan kollu qalu: “Ma għandhiex tibqa’ magħna l-arka ta’ Alla ta’ Iżrael għaliex iebsa idu fuqna u fuq Dagon, alla tagħna.”

8 U bagħtu jlaqqgħu għandhom il-prinċpijiet tal-Filistin u staqsewhom: “X’se nagħmlu bl-arka ta’ Alla ta’ Iżrael?”, u wieġbu: “Neħduha fil-belt ta’ Gatt, l-arka ta’ Alla ta’ Iżrael.” U ġarrew l-arka ta’ Alla ta’ Iżrael.

9 Wara li ġarrewha waqgħet id il-Mulej fuq il-belt, u kien hemm taħbila sħiħa; u darab in-nies tal-belt, miż-żgħir sal-kbir, u ħarġulhom il-morliti.

10 U bagħtu l-arka ta’ Alla f’Għekron, u meta waslet l-arka ta’ Alla f’Għekron, l-Għekronin bdew jgħajtu u jgħidu: “Ġabulna l-arka ta’ Alla ta’ Iżrael għandna, biex joqtlu lilna u l-familji tagħna.”

11 U bagħtu jlaqqgħu l-prinċpijiet kollha tal-Filistin u qalulhom: “Ibagħtu lura l-arka ta’ Alla ta’ Iżrael u terġa’ lejn postha, li ma toqtolniex, lilna u l-familji tagħna.” Għax kien hemm taħwida tal-mewt fil-belt kollha. Id il-Mulej kienet tqila wisq fuqha.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

12In-nies li ma kinux mietu ntlaqtu bil-morliti. L-għajjat tal-belt saħansitra wasal
sas-smewwiet.

## 1 Samwel 6

### L-arka lura f'Iżrael

1L-arka tal-Mulej kienet ilha seba' xhur f'art il-Filistin,

2meta l-Filistin sejħu lill-qassisin u l-ħabbarin, u qalulhom: "X'se nagħmlu bl-
arka tal-Mulej? Għidulna kif sejrin nibagħtuha lura f'postha."

3U weġbuhom: "Jekk se tibagħtu lura l-arka ta' Alla ta' Iżrael, tibagħtuhiex b'xejn,
imma roddulha offerta ta' riparazzjoni. Imbagħad jekk tfiqu, tagħrfu għaliex ma
warrabx idu minn fuqkom."

4U staqsewhom: "X'inhi l-offerta ta' riparazzjoni li għandna rroddulha?" U
weġbuhom: "Ħames bżieżaq tad-deheb u ħames ġrieden tad-deheb, skont l-
għadd tal-prinċpijiet tal-Filistin, għaliex marda waħda qabditkom, lilkom ilkoll
u l-prinċpijiet tagħkom.

5Agħmlu mela xbihat tal-bżieżaq tagħkom u tal-ġrieden li ħarbtu l-art, u agħtu
ġieħ lil Alla ta' Iżrael; għandu mnejn ineħħi idu minn fuqkom, u minn fuq l-allat
tagħkom, u minn fuq artkom.

6Għaliex twebbsu qalbkom bħalma webbsu qalbhom l-Eġizzjani u l-Fargħun?
Forsi ma kellux jitlaqhom wara li kien lagħab bihom?

7Issa, mela, aqbdu u agħmlu karru ġdid b'żewġ baqriet ireddgħu, li ma refgħu
qatt fuqhom madmad; orbtu l-baqriet mal-karru, u ħudu l-frieħ tagħhom minn
warajhom fl-istalla.

8Hudu mbagħad l-arka tal-Mulej u qegħduha fuq il-karru, u t-tagħmir tad-deheb
li intom qegħdin troddulu b'offerta ta' riparazzjoni, qegħduhom f'senduq
maġenbha, u ħalluha tmur.

9Imbagħad oqogħdu ħarsu, u jekk taqbad it-triq ta' artu u titla' lejn Betxemex,
sinjal li hu jkun għamlilna din il-ħsara kbira, jekk le nagħrfu li mhux idu kienet li
laħqitna, imma għax ġiet hekk."

10Hekk għamlu dawk in-nies. Ħadu żewġ baqriet ireddgħu u rabtuhom ma'
karru, u għalqu l-frieħ tagħhom fl-istalla.

11U qiegħdu l-arka tal-Mulej fuq il-karru, u s-senduq bil-ġrieden tad-deheb u x-
xbihat tal-bżieżaq tagħhom.

12U l-baqar qabdu t-triq dritt għal Betxemex; u baqgħu mexjin fl-istess triq,
jimxu u jgargru, bla ma jilwu lejn il-lemin jew lejn ix-xellug, u l-prinċpijiet tal-
Filistin mexjin warajhom sa truf Betxemex.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

13In-nies ta' Betxemex kienu qegħdin jaħsdu l-qamħ fil-wied; u refgħu
għajnejhom u raw l-arka, u ferħu malli rawha.

14U l-karru wasal sal-għalqa ta' Ġożwè l-Betxemxi, u waqaf hemm. Kien hemm
ġebla kbira, u qattgħu l-injam tal-karru u offrew il-baqriet b'sagrifiċċju tal-ħruq
lill-Mulej.

15Il-Leviti niżżlu l-arka tal-Mulej, u s-senduq li kien hemm magħha bl-oġġetti
tad-deheb li kienu fih, u qegħduh fuq il-ġebla l-kbira, u dak in-nhar il-Betxemxin
offrew sagrifiċċji tal-ħruq u vittmi lill-Mulej.

16Dan kollu rawh il-ħames prinċpijiet tal-Filistin, u reġgħu lura lejn Għekron dak
in-nhar stess.

17Dan hu l-għadd tax-xbihat tal-bżieżaq li taw il-Filistin b'offerta ta' riparazzjoni
lill-Mulej; waħda għal Asdod, waħda għal Gaża, waħda għal Askalon, waħda għal
Gatt, waħda għal Għekron.

18L-għadd imbagħad tal-ġrieden tad-deheb kien daqs l-għadd tal-ibliet Filistin
kollha tal-ħames prinċpijiet, mill-belt bis-swar sar-raħal għall-beraħ. U l-ġebla l-
kbira li fuqha serrħu l-arka tal-Mulej għadha hemm sal-lum, fir-raba' ta' Ġożwè
l-Betxemxi.

19U l-Mulej qatel lil xi wħud min-nies ta' Betxemex, għax ħarsu ġol-arka tal-
Mulej; qatel sebgħin minnhom, u l-poplu beka għaliex il-Mulej għamel ħerba
mill-poplu.

20U n-nies ta' Betxemex qalu: "Min jista' joqgħod wieqaf quddiem il-Mulej, dan
Alla daqshekk qaddis? Għand min jista' jitla' u jitbiegħed minna?"

21U bagħtu messaġġiera għand in-nies ta' Kirjat-ġegħarim jgħidulhom: "Il-
Filistin reġġgħu lura l-arka tal-Mulej. Inżlu u tellgħuha għandkom."

## 1 Samwel 7

1U n-nies ta' Kirjat-ġegħarim ġew u tellgħu l-arka tal-Mulej, u daħħluha f'dar
Abinadab, li kienet fuq għolja, u kkonsagraw lil ibnu Elgħażar biex iħares l-arka
tal-Mulej.

### Samwel imħallef f'Iżrael

2Kien għadda ħafna żmien - għoxrin sena - mindu l-arka kienet waqfet f'Kirjat-
ġegħarim, u d-dar kollha ta' Iżrael bkew u daru lejn il-Mulej.

3U Samwel kellem lid-dar kollha ta' Iżrael: "Jekk intom terġgħu lura b'qalbkom
kollha għand il-Mulej, neħħu minn nofskom l-allat barranin u lil Għastarot, orbtu
qalbkom mal-Mulej, u aqdu lilu biss, biex hu jeħliskom minn id il-Filistin."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[4]U wlied Iżrael warrbu minn nofshom lill-allat Bagħlim u Għastarot, u bdew jaqdu l-Mulej waħdu.

[5]Samwel qalilhom: "Ha jinġabar Iżrael kollu f'Misfa, biex nitlob lill-Mulej għalikom."

[6]U huma ltaqgħu f'Misfa, imlew l-ilma u sawbuh quddiem il-Mulej; u dak in-nhar samu u qalu: "Dnibna quddiem il-Mulej." U f'Misfa Samwel sar imħallef fuq Iżrael.

[7]Il-Filistin semgħu li wlied Iżrael kienu nġemgħu f'Misfa; u l-kbarat tal-Filistin telgħu kontra Iżrael. Malli wlied Iżrael semgħu, beżgħu mill-Filistin.

[8]Ulied Iżrael qalu lil Samwel: "La tiqafx tgħajjat quddiem il-Mulej, Alla tagħna, għalina, ħalli jeħlisna minn idejn il-Filistin."

[9]Samwel ħa ħaruf tal-ħalib u offrieh b'sagrifiċċju tal-ħruq lill-Mulej; u għajjat Samwel quddiem il-Mulej għal Iżrael, u l-Mulej semgħu.

[10]Ġara li meta Samwel kien qiegħed joffri s-sagrifiċċju tal-ħruq, il-Filistin resqu biex jaħbtu għal Iżrael. Dak in-nhar il-Mulej riegħed ragħda kbira kontra l-Filistin u ħarbathom; u huma tfarrku quddiem Iżrael.

[11]U n-nies ta' Iżrael ħarġu minn Misfa, u ħabtu għall-Filistin u għamlu ħerba minnhom sa Bet-kar.

[12]U Samwel ħa ġebla u waqqafha bejn Misfa u bejn Sen u semmieha: Eben-għeżer, u qal: "Sa hawn għenna l-Mulej."

[13]U hekk trażżnu l-Filistin u ma baqgħux jidħlu f'art Iżrael, għax id il-Mulej kienet iżżomm il-Filistin il-jiem kollha ta' Samwel.

[14]U l-ibliet kollha li kienu ħatfu l-Filistin mingħand Iżrael, reġgħu għal għand Iżrael; u l-art minn Għekron sa Gatt bl-inħawi tagħhom ħadha Iżrael minn id il-Filistin; u kien hemm il-paċi bejn Iżrael u bejn l-Amurrin.

[15]U Samwel kien imħallef ta' Iżrael il-jiem kollha ta' ħajtu;

[16]u minn sena għal sena kien imur u jdur Betel, Gilgal u Misfa u jagħmel il-ħaqq lil Iżrael f'dawn l-inħawi kollha.

[17]Imbagħad kien jerġa' lura f'Rama, fejn kellu daru, u hemm kien jagħmel ħaqq lil Iżrael u hemm ukoll bena artal lill-Mulej.

## 1 Samwel 8

### L-Iżraelin jitolbu sultan

[1]Ġara li, meta Samwel kien xjieħ, qiegħed lil uliedu mħallfin fuq Iżrael.

[2]Il-kbir kien jismu Ġoel u ta' warajh Abija. U kienu jagħmlu l-ħaqq f'Birsaba.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

3Uliedu ma mxewx bħalu; ħsiebhom kien li jagħmlu kull xorta ta' qligħ, jieħdu r-
rigali, u jgħawġu l-ġustizzja.

4Ix-xjuħ kollha ta' Iżrael inġemgħu u marru għand Samwel f'Rama,

5u qalulu: "Ara, inti xjeħt, u wliedek ma qabdux triqtek. Issa agħmlilna sultan
biex imexxina bħall-ġnus kollha."

6Dan li qalu: "Agħtina sultan biex imexxina," ma għoġbux lil Samwel, u mar jitlob
quddiem il-Mulej.

7Il-Mulej wieġeb lil Samwel: "Isma' minn leħen il-poplu f'kulma jgħidulek. Għax
mhux lilek warrbu, iżda lili warrbu, biex ma nsaltanx fuqhom.

8Kulma għamlu lili minn meta tellajthom mill-Eġittu sal-lum - telquni biex qabdu
allat oħra - issa qegħdin jagħmluh lilek.

9Issa isma' minn kliemhom. Biss għidilhom u wrihom sewwa d-dritt tas-sultan
li jsaltan fuqhom."

10Samwel qal kulma qallu l-Mulej lill-poplu li kien talbu sultan.

11U qalilhom: "Dan hu d-dritt tas-sultan li għad isaltan fuqkom; jeħdilkom is-
subien tagħkom, u jqegħedhom mal-karrijiet u maż-żwiemel, u jiġru quddiem il-
karru tiegħu.

12U jagħmel minnhom kaptani ta' elf u ta' ħamsin raġel, biex jaħartu l-ħrit tiegħu,
u jaħsdu l-ħsad tiegħu, u jaħdmu l-għodod għall-gwerra u t-tagħmir għall-
karrijiet tiegħu.

13"U jieħu l-bniet tagħkom biex jaħdmu l-fwieħa, isajru u jagħġnu.

14U mir-raba' tagħkom, mill-oqsma tad-dwieli tagħkom, u taż-żebbuġ tagħkom
jieħu l-aħjar, u jagħtihom lill-qaddejja tiegħu.

15Jieħu mill-għaxra waħda tal-miżirgħa u tal-oqsma tad-dwieli tagħkom, u
jagħtihom lill-kortiġjani u 'l-uffiċjali tiegħu.

16U jeħdilkom l-aħjar minn fost l-ilsiera, irġiel u nisa, u l-aħjar mill-baqar u l-
ħmir tagħkom, u jqabbadhom jaħdmu fix-xogħol tiegħu.

17Jieħu mill-għaxra waħda tal-imrieħel tagħkom u intom tkunu lsiera tiegħu.

18U dakinhar tgħajtu minħabba s-sultan li tkunu ħtartu, imma l-Mulej dakinhar
ma jismagħkomx."

19Imma l-poplu ma riedx jisma' minn kliem Samwel, u qalulu: "Le! ħa jkollna
sultan fuqna,

20ħa nkunu aħna wkoll bħall-ġnus kollha; ħa jaħkem fuqna sultan tagħna, u jimxi
quddiemna u jmexxi t-taqbid tagħna."


© 2020 Malta Bible Society.

21U Samwel sama' l-kliem kollu tal-poplu u tenniehom f'widnejn il-Mulej.

22U l-Mulej qal lil Samwel: "Isma' minn kliemhom, u agħmlilhom sultan." U
Samwel qal lill-irġiel ta' Iżrael: "Kulħadd imur lejn beltu."

# 1 Samwel 9

### Samwel u Sawl

1Kien hemm raġel mit-tribù ta' Benjamin li kien jismu Kis bin Abijel, bin Serur,
bin Bekorat, bin Afijaħ, bin wieħed mit-tribù ta' Benjamin, bniedem qalbieni u
għani.

2U kellu iben jismu Sawl, żagħżugħ sabiħ, fl-aħjar tiegħu, u ma kienx hemm ieħor
fost ulied Iżrael aħjar minnu; kien jgħaddi lil kulħadd minn spallejh 'il fuq.

3Darba waħda Kis, missier Sawl, intilfulu xi ħmariet, u Kis qal lil Sawl ibnu: "Ħu
miegħek wieħed mill-qaddejja, u aqbad u mur fittex il-ħmariet."

4Daru l-muntanji ta' Efrajm u l-art ta' Salisa, u ma sabu xejn; għaddew mill-art
ta' Sagħlim, xejn; u mill-art ta' Benjamin, u ma sabu xejn.

5Daħlu fl-art ta' Suf, u Sawl qal lill-qaddej li kellu miegħu: "Ejja nerġgħu lura;
għandu mnejn missieri ma għadux jaħseb fil-ħmariet, u qiegħed jitħasseb
fuqna."

6U l-qaddej wieġbu: "Ara, f'din il-belt hawn raġel, bniedem ta' Alla, raġel stmat;
kulma jgħid, iseħħ. Issa mmorru hemm; għandu mnejn jgħidilna xi ħaġa fuq l-
iskop li għalih qbadna t-triq."

7U Sawl wieġeb lill-qaddej: "Immorru, imma x'neħdulu lil dan ir-raġel? Il-ħobż
għab mill-ħoroġ tagħna, u ma għandniex x'noffrulu lir-raġel ta' Alla. X'nistgħu
nagħtuh?"

8U l-qaddej raġa' wieġeb lil Sawl u qallu: "Ara, għandi f'idi r-raba' waħda ta' xekel
tal-fidda; int agħtiha lir-raġel ta' Alla u hu jurina triqtna." -

9Dari f'Iżrael hekk kien jgħid xi ħadd meta kien imur jistaqsi lil Alla: "Ejja
mmorru għand il-veġġent, dak li jara," għax dak li llum isejħulu profeta, dari
kienu jsejħulu veġġent. -

10U Sawl qal lill-qaddej tiegħu: "Sewwa qiegħed tgħid. Ejja mmorru." U marru
lejn il-belt fejn kien hemm ir-raġel ta' Alla.

11Huma u telgħin it-telgħa tal-belt iltaqgħu ma' xi xbejbiet ħierġa jimlew l-ilma
u qalulhom: "Hawn joqgħod il-veġġent, dak li jara?"

12U x-xbejbiet weġbuhom u qalulhom: "Hawn joqgħod. Hemm hu quddiemek,
għadu kif daħal issa fil-belt, għaliex illum joffri s-sagrifiċċju tal-poplu fuq l-
għolja.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

13 Kif tidħlu l-belt għandkom issibuh hemm, qabel ma jitla' fuq l-għolja jiekol, għaliex il-poplu ma jikolx qabel ma jasal hu; hu jbierek il-vittma, imbagħad jieklu l-mistednin. Itilgħu mela, għax bħalissa ssibuh."

14 U telgħu l-belt. Huma u deħlin mill-bieb jaraw lil Samwel ħiereġ u riesaq lejhom biex jitla' l-għolja.

15 Il-jum ta' qabel ma ġie Sawl, il-Mulej kien tarraf xi ħaġa f'widnejn Samwel, u qallu:

16 "Għada bħalissa nibgħatlek raġel mill-art ta' Benjamin, u int idilku prinċep tal-poplu tiegħi Iżrael, u hu jeħles il-poplu tiegħi minn id il-Filistin, għax rajt l-hemm tal-poplu tiegħi, u l-għajta tagħhom waslet sa għandi."

17 Malli Samwel ra lil Sawl, il-Mulej qallu: "Hawn hu r-raġel li għedtlek: 'Dan jaħkem fuq il-poplu tiegħi.' "

18 U Sawl resaq fuq Samwel f'nofs il-bieb u staqsieh: "Għidli, jekk jogħġbok, fejn hi d-dar tal-veġġent."

19 Samwel wieġbu: "Jiena hu l-veġġent. Itla' qabli fuq l-għolja. Illum tieklu miegħi. Inħallik tmur għada filgħodu kmieni u nurik kulma għandek f'qalbek.

20 Għall-ħmariet imbagħad li ntilfulek tlitt ijiem ilu, tħabbilx rasek, għax sabuhom. U ta' min se jkun l-egħżeż ġid ta' Iżrael? Mhux tiegħek u tad-dar kollha ta' missierek?"

21 U Sawl wieġeb u qallu: "M'iniex jien Benjamini mill-iżgħar fost it-tribù ta' Iżrael, u l-familja tiegħi mhijiex l-iżgħar fost il-familji tat-tribù ta' Benjamin? Għaliex qiegħed tkellimni hekk?"

22 Samwel ħa lil Sawl u l-qaddej tiegħu, u daħħalhom fl-għorfa, u tahom post f'ras il-mistednin, li kienu xi tletin ruħ.

23 U Samwel qal lill-kok: "Newwel is-sehem li tajtek u li għedtlek: żommu għandek."

24 U l-kok ħa l-koxxa u s-sieq, u qegħedhom quddiem Sawl, u Samwel qallu: "Ara, dak li rfajtlek qiegħed quddiemek. Kul, għaliex kien merfugħ għalik għal din il-festa li għaliha stedint il-poplu." Dakinhar Sawl kiel ma' Samwel.

25 Imbagħad niżlu mill-għolja lejn il-belt, firxu mitraħ lil Sawl fuq is-setaħ, u raqad hemm.

### Sawl ikkonsagrat sultan

26 Malli beda jbexbex Samwel sejjaħ lil Sawl fuq is-setaħ u qallu: "Qum ħa nibagħtek lura." U Sawl qam u ħarġu t-tnejn barra, hu u Samwel.

27 Huma u neżlin f'tarf il-belt Samwel qal lil Sawl: "Għid lill-qaddej jgħaddi qabilna, u inti oqgħod hawn illum, biex insemmgħek il-kelma ta' Alla."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

# 1 Samwel 10

1Samwel ħa l-kus taż-żejt f'idejh u sawwabhulu fuq rasu, u mbagħad biesu u
qallu: "Mhuwiex il-Mulej li dilkek u għamlek prinċep fuq Iżrael, il-poplu tiegħu?
Tkun int li tmexxi l-poplu tal-Mulej u teħilsu minn idejn l-għedewwa tiegħu, li
għandu madwaru. U dan ikunlek is-sinjal li kien il-Mulej li dilkek u għamlek
prinċep fuq il-wirt tiegħu:

2meta tkun tlaqt minn quddiemi, int issib żewġt irġiel ħdejn il-qabar ta' Rakel,
f'Selsa fl-art ta' Benjamin, u jgħidulek: 'Instabu l-ħmariet li int ħriġt tfittex. U ara,
missierek neħħa l-ħsieb tal-ħmariet u qiegħed jitħasseb fuqkom u jgħid: X'se
nagħmel b'ibni?'

3U minn hemm tibqa' sejjer sal-balluta tat-Tabor u hemm tiltaqa' ma' tlitt irġiel
telgħin għand Alla f'Betel: wieħed iġorr tliet gidjien u wieħed iġorr tliet ħobżiet,
u l-ieħor żaqq inbid,

4huma jsellmulek jagħtuk żewġ ħobżiet, u int teħodhom minn idejhom.

5Imbagħad tasal sa Gibgħat-eloħim fejn hemm l-għases tal-Filistin, u kif tasal
hemm fi dħul il-belt, tiltaqa' ma' qatgħa profeti niżlin mill-għolja, b'arpa u
tanbur, flawt u ċetra quddiemhom, u jintilfu f'estasi ta' profeti.

6Inti mbagħad jinżel fuqek u jaħtfek l-ispirtu tal-Mulej, u int ukoll tintilef
magħhom f'estasi ta' profeta, u tinbidel fi bniedem ieħor.

7Meta jkunu seħħewlek dawn is-sinjali kollha, tista' tagħmel kulma jiġi għal
idejk, għax Alla jkun miegħek.

8Imbagħad inżel qabli f'Gilgal, u jien ninżel ħdejk biex noffri sagrifiċċju tal-ħruq
u sagrifiċċju tas-sliem; iddum sebat ijiem tistenna sakemm niġi ħdejk, u
ngħarrfek x'għandek tagħmel."

9U ġara li malli dawwar spallejh biex jitlaq minn ħdejn Samwel, Alla biddillu
qalbu f'oħra, u seħħew dawn is-sinjali kollha dakinhar stess.

10Kif wasal minn hemm fuq l-għolja ltaqa' ma' qatgħa profeti, u niżel fuqu u ħatfu
l-ispirtu ta' Alla, u ntilef f'estasi ta' profeta f'nofshom.

11Xħin dawk kollha li kienu jafuh qabel rawh f'estasi ta' profeta, bdew jgħidu lil
xulxin: "X'ġara lil bin Kis? Sawl ukoll mal-profeti?"

12Wieħed minn hemm wieġeb u qal: "Min hu missierhom?" Għalhekk xtered il-
qawl: "Huwa Sawl ukoll fost il-profeti?"

13Meta spiċċa jipprofetizza mar fuq l-għolja.

14U z-ziju ta' Sawl qal lilu u lill-qaddej tiegħu: "Fejn mortu?" u wieġeb: "Infittxu
l-ħmariet; u xħin rajna li ma kienu mkien morna għand Samwel."


© 2020 Malta Bible Society.

15U z-ziju ta' Sawl staqsiehom: "Għidli x'qalilkom Samwel."

16U Sawl wieġeb lil zijuh: "Għarrafna li l-ħmariet kienu nstabu." U fuq il-biċċa
tas-sultan ma qallu xejn x'kien qallu Samwel.

### Sawl ipproklamat sultan

17Samwel laqqa' l-poplu quddiem il-Mulej f'Misfa.

18U qal lil ulied Iżrael: "Dan jgħid il-Mulej, Alla ta' Iżrael: Jien tellajt lil Iżrael mill-
Eġittu, u ħlistkom minn id l-Eġizzjani, u minn id is-slaten kollha li ħaqrukom.

19Imma intom illum ċħadtu lil Alla tagħkom, is-salvatur tagħkom fl-hemm u d-
dwejjaq kollha, u għedtulu: 'Le! agħmlilna sultan fuqna.' Issa mela ersqu lejn il-
Mulej u tqassmu skont it-tribujiet u l-familji tagħkom."

20Samwel imbagħad ressaq it-tribujiet kollha ta' Iżrael, u ntgħażel bix-xorti t-
tribù ta' Benjamin.

21U ressaq it-tribù ta' Benjamin skont il-familji tiegħu u telgħet bix-xorti l-familja
ta' Matri; u mbagħad tala' bix-xorti Sawl bin Kis, u fittxewh u ma sabuhx.

22U reġgħu staqsew lill-Mulej: "Ġie hawn ir-raġel?" U l-Mulej wieġeb: "Hawn hu
moħbi qalb il-provvisti!"

23Marru jiġru, u ħaduh minn hemm u qegħduh f'nofs il-poplu, u kien jgħaddi lil
kulħadd minn spallejh 'il fuq.

24U Samwel imbagħad fisser lill-poplu kollu: "Rajtu lil min ħatar il-Mulej?
M'hawnx ieħor bħalu fil-poplu kollu." U l-poplu għolla leħnu, għajjat għajta kbira,
u qal "Viva s-sultan!"

25Samwel imbagħad fisser lill-poplu d-dritt tas-sultan u kitbu fi ktieb u qiegħdu
quddiem il-Mulej, u Samwel bagħat il-poplu kollu, kulħadd lejn daru.

26Sawl ukoll mar id-dar f'Gibgħa, u marru miegħu wkoll irġiel qalbiena, li Alla
messilhom qalbhom.

27Imma xi rġiel ħżiena qalu: "Biex se jsalvana dan?" Maqdruh u ma ġibulux
offerti.

## 1 Samwel 11

### L-ewwel rebħa ta' Sawl

1Xi xahar wara, Naħas l-Għammoni tala' u waqqaf il-kamp f'Ġabes-gilgħad, u n-
nies kollha ta' Ġabes qalu lil Naħas: "Agħmel patt magħna u naqduk."

2U Naħas l-Għammoni weġibhom: "B'din il-kondizzjoni nagħmel patt magħkom.
Naqlgħalkom ilkoll għajnkom il-leminija, u dan nagħmlu biex inġib l-għajb fuq
Iżrael kollu."


© 2020 Malta Bible Society.

3U x-xjuħ ta' Ġabes weġbuh: "Agħtina sebat ijiem żmien biex nibagħtu
messaġġiera fl-inħawi kollha ta' Iżrael, u jekk ma jkun hemm ħadd li jsalvana,
aħna nċedulek."

4U l-messaġġiera ġew f'Gibgħa ta' Sawl, u tennew dan il-kliem li jismagħhom il-
poplu, u l-poplu kollu għollew leħinhom u bdew jibku.

5U ara, Sawl kien ġej lura bil-baqar mill-għalqa u staqsiehom: "X'għandu l-poplu
biex qiegħed jibki?" U qalulu x'bagħtu jgħidulhom in-nies ta' Ġabes.

6U malli sama' dan il-kliem l-ispirtu ta' Alla ħataf lil Sawl, u dan saħan u inkorla
bis-sħiħ.

7Qabad żewġ gniedes, qattagħhom bċejjeċ, u bagħathom fl-inħawi kollha ta' art
Iżrael ma' messaġġiera u qal: "Min ma joħroġx wara Sawl u Samwel, hekk jiġrilu
mill-gniedes tiegħu." U waqa' l-biża' tal-Mulej fuq il-poplu kollu u nġabru bħal
bniedem wieħed.

8Imbagħad għaddhom f'Beżek u kienu wlied Iżrael ilaħħqu tliet mitt elf ruħ u n-
nies ta' Ġuda tletin elf.

9U qal lill-messaġġiera li kienu ġew: "Dan għidu lin-nies ta' Ġabes-gilgħad:
'Għada malli tisħon ix-xemx, ikollkom is-salvazzjoni.' " U l-messaġġiera marru, u
għarrfu b'dan lin-nies ta' Ġabes-gilgħad u dawn ferħu.

10U n-nies ta' Ġabes-gilgħad imbagħad qalu lil Naħas: "Għada niġu għandkom, u
għamlulna kulma jogħġobkom."

11L-għada Sawl qassam il-poplu fi tliet qtajja', u daħlu f'nofs il-kamp fis-sahra ta'
filgħodu, u ħabtu għall-Għammonin sa ma saħnet ix-xemx. U dawk li ħelsu
xterdu b'mod li ma baqax tnejn minnhom flimkien.

12Imbagħad il-poplu qal lil Samwel: "Min qal: 'Huwa Sawl sa jsaltan fuqna?'
Agħtina 'l dawn in-nies, ħa noqtluhom."

13U Sawl qalilhom: "Ma jmut ebda bniedem illum, għax illum il-Mulej salva lil
Iżrael."

14U Samwel qal lill-poplu: "Qumu, ħa mmorru f'Gilgal u hemm inwettqu s-
saltna."

15U marru l-poplu kollu f'Gilgal, u pproklamaw hemm lil Sawl sultan quddiem il-
Mulej f'Gilgal; u offrew sagrifiċċji tas-sliem; u Sawl u l-poplu kollu ta' Iżrael ferħu
u għamlu festa kbira.

## 1 Samwel 12

### Samwel jirtira

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

1U Samwel kellem lill-poplu ta' Iżrael kollu: "Araw, jien smajt minn kliemkom
f'kulma għedtuli, u għamiltilkom sultan fuqkom.

2U issa, araw, għandkom sultan li jimxi quddiemkom; u jien xjaħt u xagħri bjad,
u wliedi hawn fostkom. Jien għext taħt għajnejkom sa minn żgħoriti sal-lum.

3Hawn jien: ixhdu għalija quddiem il-Mulej u s-sultan il-midluk tiegħu. Lil min
jien qatt ħadt xi gendus, u l-ħmar ta' minn qatt ħadt? Lil min qatt sraqt? Lil min
qatt ħraqt? Mingħand minn qatt ħadt jien xi rigal biex għamieli għajnejja? Ixhdu
għalija, u jien irroddhulkom."

4U huma wieġbu: "Int qatt ma sraqtna, u qatt ma ħqartna, u qatt ma ħadt xejn
minn għandna."

5U hu qalilhom: "Jixhed il-Mulej għalikom, u jixhed is-sultan il-midluk tiegħu li
ma sibtu xejn f'idejja minn ħwejjiġkom." U wieġbu: "Huwa xhud!"

6U Samwel qal lill-poplu: "Iva, il-Mulej kien li qajjem lil Mosè u lil Aron, u li talla'
'l missirijietkom mill-art tal-Eġittu.

7Mela issa, ersqu 'l hawn ħalli nagħmel ġudizzju minnkom quddiem il-Mulej, u
ngħidilkom il-ġid kollu li l-Mulej għamel magħkom, u ma' missirijietkom.

8Meta niżel Ġakobb l-Eġittu, u hemm ħaqruhom l-Eġizzjani, missirijietkom
għajtu lill-Mulej, u l-Mulej bagħat lil Mosè u lil Aron, u ħarġu lil missirijietkom
mill-Eġittu u qegħduhom f'dan il-post.

9Imma huma nsew lill-Mulej, Alla tagħhom, u biegħhom f'idejn Sisera, il-
kmandant tal-eżerċtu ta' Ħasor, u f'idejn il-Filistin, u f'idejn is-sultan ta' Mowab,
u għamlulhom gwerra.

10U huma għajtu lill-Mulej u qalu: 'Dnibna, għax tlaqna lill-Mulej u qdejna lill-
Bagħlim u Għastarot. Issa eħlisna minn idejn l-għedewwa tagħna, u naqduk.'

11"U l-Mulej bagħat lil Ġerub-bagħal, u lil Barak, u 'l Ġeftaħ, u 'l Samwel. U
ħeliskom minn idejn l-għedewwa ta' madwarkom, u għextu fis-sliem u fiż-żgur.

12Meta rajtu li Naħas, is-sultan ta' wlied Għammon, ġej għalikom, għedtuli: 'Le!
Sultan għandu jsaltan fuqna,' filwaqt li l-Mulej, Alla tagħkom, hu s-sultan
tagħkom.

13Araw issa s-sultan li intom ħtartu, li intom tlabtu. Araw, il-Mulej għamlilkom
sultan fuqkom.

14Jekk intom tibżgħu mill-Mulej, u taqduh, u tisimgħu minn kliemu, u ma tmerux
li jgħidilkom il-Mulej, jekk intom u s-sultan tagħkom, li jsaltan fuqkom, timxu
wara l-Mulej, Alla tagħkom, intom tgħixu.

15Imma jekk ma tisimgħux minn kliem il-Mulej, u tmieru dak li jgħidilkom il-
Mulej, id il-Mulej tkun fuqkom, u fuq is-sultan tagħkom.


© 2020 Malta Bible Society.

16“U issa oqogħdu, u araw dan l-għaġeb kbir, li se jagħmel il-Mulej quddiem
għajnejkom.

17Mhuwiex żmien il-ħsad illum? Jien insejjaħ il-Mulej u jibgħat ragħad u xita, u
tkunu tafu u taraw x’ħażen kbir għamiltu f’għajnejn il-Mulej meta tlabtu sultan
għalikom.”

18U Samwel sejjaħ il-Mulej, u l-Mulej bagħat ragħad u xita dakinhar, u l-poplu
beża’ ħafna mill-Mulej u minn Samwel.

19U l-poplu kollu qal lil Samwel: “Itlob għall-qaddejja tiegħek lill-Mulej, Alla
tiegħek, li ma mmutux għax issuktajna nżidu ma’ ħtijietna kollha billi tlabna
sultan fuqna.”

20U Samwel wieġeb lill-poplu: “La tibżgħux! Intom għamiltu dan il-ħażen kollu;
madankollu twarrbux mill-Mulej, imma aqdu lill-Mulej b’qalbkom kollha.

21La ddurux għal wara l-allat fiergħa, li ma jistgħux u la jgħinukom u lanqas
isalvawkom, għax huma allat foloz.

22Żgur li l-Mulej ma jarmix il-poplu tiegħu minħabba l-kobor ta’ ismu; għax il-
Mulej għoġbu jagħmel minnkom il-poplu tiegħu.

23Min-naħa tiegħi, imbagħad ma jkun qatt li nidneb u ma nitlobx għalikom
quddiem il-Mulej, u ma nurikomx it-triq it-tajba u s-sewwa.

24Biss ibżgħu mill-Mulej u aqduh minn qalbkom bis-sinċerità kollha. Qisu dejjem
il-ħwejjeġ kbar li għamel magħkom.

25Imma jekk tagħmlu l-ħażin tinqerdu, intom u s-sultan tagħkom.”

## 1 Samwel 13

### L-ewwel dnub ta’ Sawl

2U Sawl għażel tlitt elef raġel minn Iżrael, elfejn minnhom kienu ma’ Sawl
f’Mikmas fuq l-għolja ta’ Betel, u elf kienu ma’ Ġonatan fuq Gibgħa ta’ Benjamin,
u l-bqija tan-nies bagħathom ilkoll, kulħadd fl-għarix tiegħu.

3Ġonatan ħabat għall-għassa tal-Filistin li kien hemm f’Geba; il-Filistin semgħu
u Sawl daqq it-tromba fl-art kollha, u ħabbar: “Ħa jisimgħu l-Għebrej.”

4U Iżrael kollu semgħu u qalu: “Sawl ħabat għall-għassa tal-Filistin, u issa Iżrael
mistmell fost il-Filistin.” U l-poplu nġama’ wara Sawl f’Gilgal.

5Il-Filistin inġabru biex jitqabdu kontra Iżrael bi tletin elf karru, u sitt elef ruħ
fuq iż-żiemel, u poplu daqs ir-ramel ta’ xatt il-baħar; u telgħu u waqqfu l-kamp
f’Mikmas fuq il-Lvant ta’ Bet-awen.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

6Malli n-nies ta' Iżrael raw li kienu marsusa u l-poplu megħlub, il-poplu staħba fl-għerien u l-ħofor, fil-blat, taħt l-art u fil-ġwiebi.

7U ħafna mill-poplu qasmu l-Ġordan lejn l-art ta' Gad u Gilgħad; imma Sawl baqa' f'Gilgal, u l-poplu kollu mriegħed warajh.

8U stenna sebat ijiem daqs kemm kien ftiehem miegħu Samwel; imma Samwel ma ġiex f'Gilgal u l-poplu beda jitilqu.

9U Sawl qal: "Ġibuli l-vittma għas-sagrifiċċju tal-ħruq u għas-sagrifiċċju tas-sliem." U offra s-sagrifiċċju tal-ħruq.

10U ġara li kif temm joffri s-sagrifiċċju, wasal Samwel, u Sawl ħareġ jilqgħu u jagħtih il-merħba.

11U Samwel qallu: "X'għamilt?" U Sawl wieġeb: "Rajt li l-poplu beda tielaq minn miegħi u int ma ġejtx fil-jum li ftehemna, u l-Filistin inġabru f'Mikmas

12u għedt: 'Issa l-Filistin jinżlu għalija f'Gilgal u jien ma nkunx tlabt lill-Mulej!' Għalhekk għamilt il-qalb u offrejt is-sagrifiċċju."

13U Samwel wieġeb lil Sawl: "Tbellaht li ma smajtx mill-ordni li tak il-Mulej, Alla tiegħek; kieku l-Mulej ġa wettaq is-saltna tiegħek fuq Iżrael għal dejjem.

14Issa s-saltna tiegħek ma żżommx. Il-Mulej ifittex bniedem ieħor għal qalbu, u l-Mulej iqiegħdu prinċep fuq il-poplu tiegħu, għax int ma smajtx dak li ordnalek il-Mulej."

15U Samwel qam u tala' minn Gilgal għal Gibgħa ta' Benjamin; Sawl imbagħad għadd in-nies li kienu miegħu, li kienu jlaħħqu sitt mitt raġel.

16U Sawl u ibnu Ġonatan, u l-poplu li kien magħhom, kienu qegħdin f'Gibgħa ta' Benjamin u l-Filistin fil-kamp f'Mikmas.

17Mill-kamp tal-Filistin ħarġu tliet qatet ta' nies għat-tħarbit, u tqassmu fi tliet toroq; waħda qabdet it-triq ta' Għofra lejn il-pajjiż ta' Sugħal;

18l-oħra, it-triq li tieħu għal Betħoron; u t-tielet waħda t-triq ta' Geba, li tħares fuq il-wied ta' Sebogħim, in-naħa tad-deżert.

19F'art Iżrael kollha ma kienx hemm ħaddied, għax il-Filistin kienu qalu: "Li ma jmorrux jagħmlu l-Għebrej xwabel u lanez!"

20U l-Iżraelin ilkoll kienu jinżlu għand il-Filistin isinnu kull wieħed is-sikka tiegħu u l-għatla tiegħu, u l-fies u l-minġel tiegħu.

21U t-tisnin tax-xifer tas-sikka u tal-għatla kien jitħallas bit-tielet waħda ta' xekel, u hekk ukoll il-fies u t-traqqiq ta' niggieża.


© 2020 Malta Bible Society.

22U ġara li f’jum it-taqbida ma kinitx tinsab xabla jew lanza f’idejn il-poplu li kien
ma’ Sawl u ma’ Ġonatan ibnu; kien hemm waħda biss għal Sawl, u oħra għal
Ġonatan.

### Ġonatan jaħbat għall-Filistin

23L-għassa tal-Filistin ħarġet u ħadu f’idejhom il-mogħdija ta’ Mikmas.

## 1 Samwel 14

1Jum minnhom Ġonatan bin Sawl qal lill-iskudier żagħżugħ tiegħu: “Ejja naqsmu
għal kontra l-għassa tal-Filistin li qegħdin in-naħa l-oħra”; u ’l missieru ma
qallux.

2Sawl kien taħt ir-rummiena ta’ Migron fit-trufijiet ta’ Gibgħa, u n-nies li kienu
miegħu kienu jlaħħqu mas-sitt mitt ruħ.

3U Aħija bin Aħitub, ħu Ikabod, bin Fineħas, bin Għeli, il-qassis tal-Mulej f’Silo,
kellu fuqu l-efod, u l-poplu ma kienx jaf li Ġonatan kien telaq.

4U bejn il-mogħdijiet, li kien qiegħed ifittex Ġonatan li jgħaddi minnhom lejn l-
għassa tal-Filistin, kien hemm blata wieqfa fuq naħa, u blata oħra wieqfa fuq in-
naħa l-oħra; u blata minnhom kien jisimha Buses, u isem l-oħra kien Seni.

5Il-blata l-waħda kienet in-naħa tat-Tramuntana biswit Mikmas, u l-blata l-oħra
n-naħa tan-Nofsinhar biswit Gibgħa.

6Ġonatan qal lill-iskudier żagħżugħ tiegħu: “Ejja naqsmu għal ħdejn l-għassa ta’
dawn in-nies bla ħtin. Għandu mnejn il-Mulej jagħmel xi ħaġa għalina, għax
m’hemmx xi jżomm il-Mulej, jekk irid, li jsalvana b’ħafna jew bi ftit nies.”

7U l-iskudier wieġbu: “Agħmel kulma tixtieq qalbek. Hawn jien miegħek; qalbek
qalbi.”

8U Ġonatan wieġeb: “Arana, aħna sejrin lejn dawn in-nies, u nuru ruħna lilhom.

9Issa jekk jgħidulna: ‘Ieqfu hemm sakemm niġu ħdejkom,’ nieqfu fejn inkunu, u
ma nitilgħux għalihom.

10Imma jekk jgħidulna: ‘Itilgħu ħdejna,’ nitilgħu, għax il-Mulej ikun erħihomlna
f’idejna. Dan hu s-sinjal għalina.”

11It-tnejn dehru quddiem l-għases tal-Filistin, u l-Filistin qalu: “Araw l-Għebrej
ħerġin mill-ħofor li nħbew fihom.”

12Imbagħad in-nies tal-għassa kellmu lil Ġonatan u ’l-iskudier tiegħu u
qalulhom: “Itilgħu ħdejna, għax għandna ħaġa x’ngħidulkom.” U Ġonatan qal lill-
iskudier tiegħu: “Itla’ warajja, għax il-Mulej tahom f’idejn Iżrael.”

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

13U Ġonatan tala' fuq idejh u fuq riġlejh, u l-iskudier tiegħu warajh. U l-Filistin bdew jaqgħu fl-art quddiem Ġonatan, u l-iskudier joqtolhom warajh.

14Din l-ewwel qerda minn Ġonatan u l-iskudier tiegħu kienet ta' xi għoxrin raġel minnhom, f'tul ta' nofs radda ħrit f'nofs tomna raba'.

15U l-biża' xtered mal-kamp, fir-raba' u fil-poplu kollu. In-nies tal-għassa u l-qtajja' li ħarġu jħarbtu l-art, tkexkxu huma wkoll, u triegħdet l-art, u ntilfu f'biża' kbir.

### It-tħarbit tal-Filistin

16U l-għassiesa ta' Sawl li kienu f'Gibgħa ta' Benjamin raw dik il-kotra mxerrda sejra 'l hemm u 'l hawn.

17U Sawl qal lin-nies li kellu miegħu: "Għoddu n-nies u araw min naqas minn magħna." U raw li kienu nieqsa Ġonatan u l-iskudier tiegħu.

18U Sawl qal lil Aħija: "Ġib l-efod" (għax dakinhar l-efod kien f'nofs ulied Iżrael).

19Waqt li Sawl kien qiegħed ikellem lill-qassis, l-għagħa fil-kamp tal-Filistin baqgħet sejra titqawwa, u Sawl qal lill-qassis: "Niżżel idek."

20U Sawl u n-nies li kellu miegħu b'għajta kbira rħewlha għat-taqbida, u sabu taħwida kbira, kulħadd bix-xwabel wieħed kontra l-ieħor.

21U l-Għebrej, li qabel kienu mal-Filistin u li kienu magħhom fil-kamp, daru kontrihom u mal-Iżraelin li kienu ma' Sawl u Ġonatan.

22U dawk l-Iżraelin li kienu moħbija fil-muntanji ta' Efrajm, malli semgħu li l-Filistin kienu ħarbu, għamlu għal warajhom u rassew fuqhom huma wkoll.

23Hekk il-Mulej dakinhar ħeles lil Iżrael.

### Ġonatan jikser il-wegħda ta' Sawl

It-taqbida laħqet sa Bet-awen;

24u dakinhar l-Iżraelin infnew u Sawl ġagħal lill-poplu jaħlef u qallu: "Misħut il-bniedem li jiekol xi ikel qabel ma jidlam u nitħallas mill-għedewwa tiegħi." U ħadd ma kiel xejn.

25U kien hemm ħafna għasel fir-raba'.

26Meta l-poplu wasal fil-foresta ra l-għasel iqattar, imma ħadd minnhom ma ressaq idu lejn ħalqu, għax il-poplu baża' mill-ħalfa.

27Ġonatan ma kienx sama' bil-ħalfa li missieru ġagħal lill-poplu jagħmel, u medd it-tarf tal-ħatar li kellu f'idu, u deffsu f'xehda għasel, u ressaq idu lejn ħalqu, u għajnejh ħadu d-dawl.

28U wieħed mill-poplu kellmu u qallu: "Missierek ġagħal lill-poplu jaħlef u qallu: 'Misħut il-bniedem li jiekol xi ħaġa llum.' " Issa l-poplu kien mifni.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

29U Ġonatan qal: "Missieri għamel il-ħsara lill-pajjiż. Araw kif ħadu d-dawl għajnejja, għax doqt dan id-daqsxejn għasel.

30Kemm aktar kieku l-poplu kiel mill-priża li sab tal-għedewwa llum! Kemm kienet tkun akbar il-qerda tal-Filistin!"

31Dakinhar huma kissru l-Filistin minn Mikmas sa Ajjalon, imma l-poplu għeja għall-aħħar.

32U nxteħtu fuq il-priża, u ħadu nagħaġ, u baqar, u għoġiela, u qatluhom fl-art, u l-poplu kiel il-laħam bid-demm."

33U lil Sawl qalulu: "Ara, il-poplu dineb kontra l-Mulej għax kiel il-laħam bid-demm." U Sawl wieġeb: "Għamiltu ħażin. Ġibuli ġebla kbira llum."

34U raġa' qal Sawl: "Morru fost il-poplu u għidulhom: 'Ġibu lejja kull wieħed il-gendus u kull wieħed in-nagħġa tiegħu, u oqtluhom hawn, u tiklux bid-demm biex ma tidinbux kontra l-Mulej.' " U l-poplu ressaqlu kull wieħed kulma ġie f'idejh dak il-lejl, u qatluhom hemm.

35U Sawl bena artal lill-Mulej; l-ewwel artal li bena lill-Mulej.

36U Sawl qal: "Ħalli ninżlu għal wara l-Filistin mal-lejl, u naħtfu priża kemm nifilħu sa ma jisbaħ għada, u ma nħallux bniedem wieħed ħaj minnhom." U weġbuh: "Kulma jogħġbok agħmluh!" Imma l-qassis qallu: "Ha nersqu quddiem Alla."

37U Sawl staqsa lil Alla: "Ninżel jien għal wara l-Filistin? Titlaqhom int f'idejn l-Iżraelin?" U dakinhar Alla ma weġbux.

38U Sawl qal: "Ersqu 'l hawn intom ilkoll, il-kapijiet tal-poplu; u tkixxfu, u araw b'min saret din il-ħtija llum.

39Għax daqs kemm hu ħaj il-Mulej, is-salvatur ta' Iżrael, imqar jekk il-ħtija tkun f'ibni Ġonatan, żgur li noqtlu." U ħadd mill-poplu ma wieġeb xejn.

40Imbagħad qal lil Iżrael kollu: "Intom oqogħdu f'naħa, u jien u ibni Ġonatan noqogħdu f'oħra." U l-poplu wieġeb lil Sawl: "Agħmel li jogħġbok."

41U Sawl qal lill-Mulej Alla ta' Iżrael: "Għaliex ma weġibtx lill-qaddej tiegħek illum, u ma għedtlix jekk din il-ħtija hijiex fija jew f'ibni Ġonatan? O Mulej, Alla ta' Iżrael, jekk inhi fija jew f'Ġonatan agħti t-Tummim." U ntgħażlu Ġonatan u Sawl; u l-poplu ħareġ ħieles.

42Imbagħad Sawl qal "Itfgħu x-xorti bejni u bejn Ġonatan." U ntgħażel Ġonatan.

43U Sawl qal lil Ġonatan: "Għidli x'għamilt." U Ġonatan għarrfu u qallu: "Doqt b'tarf il-ħatar li kelli f'idi daqsxejn għasel. Hawn jien lest għall-mewt."

44U Sawl qal: "Dan jagħmilli u aktar il-Mulej; Ġonatan, tmut żgur."


© 2020 Malta Bible Society.

45U l-poplu wieġeb lil Sawl: "Sa jmut Ġonatan li ġieb din ir-rebħa kbira għal Iżrael? Ma jkun qatt. Daqs kemm hu ħaj il-Mulej, ma taqax xagħra waħda minn rasu fl-art; għax il-Mulej kien miegħu biex għamel dan illum." U l-poplu salva lil Ġonatan, u dan ma mietx.

46U Sawl ma baqax jiġri wara l-Filistin, għax dawn laħqu reġgħu lura lejn darhom.

### Ir-rebħ ta' Sawl u daru

47Sawl ħa s-saltna ta' Iżrael f'idejh u għamel gwerra lill-għedewwa tiegħu kollha ta' madwaru: lil Mowab, lil ulied Għammon, lil Edom, lis-slaten ta' Soba, lill-Filistin, u għal kull fejn kien idur kien jirbaħ.

48Wera ħila billi kisser lil Għamalek u ħeles lil Iżrael minn id dawk li kienu jisirquhom.

49Ulied Sawl kienu: Ġonatan, Ġiswi, u Malkisugħa u żewġt ibniet li kien jisimhom: il-kbira, Merab, u ż-żgħira, Mikal.

50Mart Sawl kien jisimha Aħinogħam bint Aħimagħas; u l-kmandant tal-eżerċitu tiegħu kien jismu Abner bin Ner, iz-ziju ta' Sawl.

51Kis, missier Sawl, u Ner, missier Abner, kienu wlied Abijel.

52Qalila kienet il-gwerra kontra l-Filistin iż-żmien kollu tas-saltna ta' Sawl; kull raġel qalbieni u kull raġel b'saħħtu li kien jara, Sawl kien iqabbdu miegħu.

## 1 Samwel 15

### Sawl ikisser lill-Għamalekin

1Samwel qal lil Sawl: "Il-Mulej bagħatni nikkonsagrak sultan fuq il-poplu tiegħu Iżrael u issa isma' l-kelma tal-Mulej.

2Dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti: 'Qtajtha li nħallas lil Għamalek ta' kulma għamel Għamalek lil Iżrael, meta għalaqlu t-triq hu u tiela' mill-Eġittu.

3Issa qum u aħbat għal Għamalek, u eqred lilu u kulma għandu; la tħennx għalih, eqridlu rġiel u nisa, tfal u trabi, baqar u nagħaġ, iġmla u ħmir.' "

4Imbagħad Sawl sejjaħ lill-poplu u għaddu f'Telam, u sab mitejn elf fanterija, u għaxart elef raġel minn Ġuda.

5Sawl wasal f'belt ta' Għamalek, u waqaf jissajja fil-wied.

6Sawl qal lill-Kenin: "Itilqu, warrbu, u oħorġu minn nofs Għamalek, li ma neqridkomx magħhom. Intom urejtu ħniena ma' wlied Iżrael kollha, huma u telgħin mill-Eġittu." U l-Kenin warrbu minn nofs Għamalek.

7Sawl kisser lil Għamalek minn Hawila sa Sur, fil-Lvant tal-Eġittu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

8U qabad ħaj lil Agag, sultan ta' Għamalek, u qered il-poplu kollu b'xifer ix-xabla.

9U Sawl u l-poplu ħafruha lil Agag, u lill-aħjar tal-imrieħel u l-baqar, l-ismen fosthom u l-ħrief, u kulma kien tajjeb, u ma ridux jeqirduhom: imma qerdu kulma kien ħażin u ma jiswiex.

### Samwel iċanfar lil Sawl

10U l-Mulej kellem lil Samwel u qallu:

11"Jisgħob bija li għamilt lil Sawl sultan, għaliex raġa' lura minn warajja, u ma żammx kliemi." Samwel inkorla, u beda jgħajjat quddiem il-Mulej il-lejl kollu.

12Filgħodu qam kmieni u mar jiltaqa' ma' Sawl, u għarrfuh u qalulu: "Sawl mar lejn il-muntanja tal-Karmel, u hemm waqqaf plier b'tifkira għalih innifsu, u għadda u niżel Gilgal."

13Samwel resaq lejn Sawl, u Sawl qallu: "Imbierek int mill-Mulej! Jien żammejt kelmet il-Mulej."

14U Samwel wieġeb: "U x'inhu dan il-ħoss tal-imrieħel li wasal f'widnejja, u l-gargir tal-baqar li qiegħed nisma'?"

15U Sawl wieġeb: "Ġabuhom mingħand l-Għamalekin, għax il-poplu għoġbuh l-aħjar tal-imrieħel u l-baqar biex joffruhom b'sagrifiċċju lill-Mulej, Alla tiegħek, u l-bqija qridnieh."

16Samwel qal lil Sawl: "Biżżejjed! Ħalli nuri x'qalli l-Mulej dal-lejl." "Tkellem!" qallu dak.

17U Samwel qal: "Jaqaw mhux veru li, għalkemm int kont ċkejken f'għajnejk stess, int sirt prinċep fuq it-tribujiet ta' Iżrael, u l-Mulej dilkek sultan ta' Iżrael?

18U l-Mulej bagħtek fi triqtek u qallek: 'Mur u eqred dawk il-midinbin, l-Għamalekin; aħbat għalihom sakemm teqridhom għalkollox.'

19L-għala, mela, ma smajtx mill-kelma tal-Mulej, u nxtħett fuq il-priża u għamilt il-ħażin f'għajnejn il-Mulej?"

20U Sawl wieġeb lil Samwel: "Jien smajt mill-kelma tal-Mulej! U qbadt it-triq li fiha bagħatni l-Mulej, ġibt miegħi lil Agag, sultan ta' Għamalek, u qridt l-Għamalekin.

21Il-poplu ħa mill-priża nagħaġ u baqar, l-aħjar minn dawk li kienu mitluqa għall-qerda, biex joffrihom lill-Mulej, Alla tiegħek, f'Gilgal."

22U Samwel wieġeb: "Jaqaw il-Mulej jogħġbuh il-vittmi tal-ħruq u s-sagrifiċċji aktar mis-smigħ tal-kelma tal-Mulej? Ara, l-ubbidjenza hi aqwa mis-sagrifiċċji; is-smigħ, aħjar mix-xaħam tal-muntun.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

23Ir-ribelljoni daqs id-dnub tas-seħer, u li twebbes rasek daqs il-ħażen tal-qima
tax-xbihat. Għax int warrabt il-kelma tal-Mulej, hu se jwarrab lilek minn sultan!"

24U Sawl qal lil Samwel: "Dnibt għax ksirt il-kelma tal-Mulej u kelmtek, għax
bżajt mill-poplu u smajt minn kliemhom.

25Issa aħfirli ħtijieti, u erġa' ejja miegħi biex nagħti qima lill-Mulej."

26U Samwel qal lil Sawl: "Ma nerġax niġi miegħek għax int warrabt il-kelma tal-
Mulej, u l-Mulej warrab lilek, u ma tibqax iżjed sultan fuq Iżrael."

27Samwel dar biex jitlaq u Sawl qabadlu djul il-mantar u dan iċċarrat.

28U Samwel qallu: "Il-Mulej illum ċarrat is-saltna ta' Iżrael minn fuqek, u taha lil
wieħed aħjar minnek.

29Il-Mulej, il-glorja ta' Iżrael, ma jigdibx u ma jbiddilx fehmtu, għax mhux
bniedem biex jindem."

30U Sawl wieġeb: "Dnibt! Imma issa agħtini l-ġieħ quddiem ix-xjuħ tal-poplu
tiegħi u quddiem Iżrael. Erġa' ejja miegħi, ħa nagħti l-qima lill-Mulej, Alla
tiegħek!"

31U Samwel raġa' mar ma' Sawl, u Sawl ta qima lill-Mulej.

32U Samwel qal lil Sawl: "Ressaqli quddiemi lil Agag, is-sultan ta' Għamalek." U
ġieblu quddiemu lil Agag is-sultan jitriegħed, u Agag qallu: "Tabilħaqq għadda l-
imrar tal-mewt!"

33Imma Samwel wieġeb: "Bħalma int ċaħħadt b'idejk lil ħafna nisa minn
uliedhom, hekk ommok tibqa' bla wlied." U lil Agag għamlu bċejjeċ quddiem il-
Mulej f'Gilgal.

34Imbagħad Samwel mar Rama, u Sawl raġa' tala' d-dar tiegħu f'Gibgħa ta' Sawl.

35Qatt iżjed, sa ma miet, ma ra Samwel lil Sawl. Samwel beka lil Sawl; imma Alla
nidem li kien għamel lil Sawl sultan ta' Iżrael.

## 1 Samwel 16

### Il-konsagrazzjoni ta' David

1Il-Mulej kellem lil Samwel: "Kemm se ddum qalbek sewda għal Sawl, meta jien
neħħejtu minn sultan fuq Iżrael? Imla l-qarn biż-żejt u itlaq. Jien se nibagħtek
għand Ġesse l-Betlemita, għaliex minn fost uliedu jien għażilt għalija sultan."

2Samwel wieġeb: "Kif nista' mmur? Jekk ikun jaf Sawl, joqtolni!" Il-Mulej wiegħbu:
"Ħu għoġla miegħek; għid li mort biex tagħmel sagrifiċċju lill-Mulej.

3Sejjaħ lil Ġesse għas-sagrifiċċju; jien imbagħad nurik x'tagħmel; u lil min
ngħidlek, tidlikhuli sultan."


© 2020 Malta Bible Society.

4U Samwel għamel kulma qallu l-Mulej u mar Betlehem. Ix-xjuħ tal-belt marru
jilqgħuh imriegħda, u staqsewh: "Ġejt hawn bis-sliem?"

5U hu wieġeb: "Bis-sliem. Ġejt biex noffri sagrifiċċju lill-Mulej. Tqaddsu u ejjew
miegħi għas-sagrifiċċju." U hu qaddes lil Ġesse u 'l uliedu u sejħilhom għas-
sagrifiċċju.

6Ġara li, malli waslu, Samwel ra lil Elijab u qal: "Hawn quddiem il-Mulej il-midluk
tiegħu?"

7U l-Mulej qal lil Samwel: "Tħarisx lejn is-sura tiegħu, jew it-tul ta' persuntu,
għax jien diġà warrabtu. Għax il-Mulej ma jarax bħalma jara l-bniedem, dak biss
li jidher fl-għajn, imma l-qalb."

8Ġesse sejjaħ lil Abinadab u ressqu quddiem Samwel, u dan qal: "Anqas lil dan
ma ħatar il-Mulej."

9U Ġesse ressaq lil Samma. Samwel qal: "Anqas lil dan ma ħatar il-Mulej."

10Ġesse ressaq quddiem Sanwel sebgħa minn uliedu; imma Samwel qallu: "Il-
Mulej ma ħatar lil ħadd minn dawn."

11U ssokta jgħidlu: "Dawn huma t-tfal kollha?" "Għad fadal iż-żgħir," wieġbu
Ġesse, "qiegħed jirgħa n-nagħaġ." U Samwel qal lil Ġesse: "Ibgħat għalih u ġibu,
għax ma noqogħdux fuq il-mejda qabel ma jiġi hawn."

12U bagħat għalih u ġiebu: kien żagħżugħ ruxxan, għajnejh ħelwin, u sabiħ fis-
sura tiegħu. U l-Mulej qal lil Samwel: "Qum u idilku, għax dan hu."

13U Samwel ħa f'idejh il-qarn biż-żejt, u dilku quddiem ħutu. Minn dakinhar 'il
quddiem niżel fuq David u ħakmu l-ispirtu tal-Mulej. U Samwel qam u mar Rama.

### David fil-palazz ta' Sawl

14L-ispirtu tal-Mulej warrab minn Sawl; u l-Mulej bagħat fuqu spirtu ħażin biex
iħabbtu.

15U l-qaddejja ta' Sawl qalulu: "ara, spirtu ħażin mingħand Alla qiegħed fuqek.

16Ħa jgħid kelma Sidna, u aħna l-qaddejja tiegħek hawn quddiemek, lesti biex
infittxu raġel li jaf idoqq l-arpa, u kull meta jaħtfek l-ispirtu ħażin ta' Alla
jdoqqlok b'idejh, u int tħossok aħjar."

17U Sawl wieġeb lill-qaddejja tiegħu: "Sibuli raġel li jaf idoqq tajjeb, u ġibuhuli."

18U wieħed miż-żgħażagħ wieġeb: "Araw! Jien rajt wieħed bin Ġesse, il-
Betlemita, li jaf idoqq, bniedem qalbieni, jinqala' għall-gwerra, għaqli fi kliemu,
u raġel sabiħ, u l-Mulej miegħu."

19U Sawl bagħat messaġġiera għand Ġesse jgħidulu: "Ibgħatli lil David, ibnek, li
qiegħed mal-merħla."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[20]U Ġesse ħa ħmar, għabbieh bil-ħobż, u żaqq inbid, u gidi u bagħathom ma' David, ibnu, lil Sawl.

[21]U David mar għand Sawl, u baqa' miegħu; u dan ħabbu ħafna, u għamlu l-iskudier tiegħu.

[22]U Sawl bagħat jgħid lil Ġesse: "Ħa jibqa' miegħi għax ħadt grazzja miegħu."

[23]U kull meta l-ispirtu ta' Alla kien ikun fuq Sawl, David kien jaqbad l-arpa, u jdoqqha b'idu, u Sawl kien jieħu r-ruħ u jħossu tajjeb, u l-ispirtu ħażin kien iwarrab minnu.

## 1 Samwel 17

### David u Gulija

[1]Il-Filistin inġemgħu bl-eżerċtu tagħhom għall-gwerra u ltaqgħu f'Xoku ta' Ġuda, u waqqfu l-kamp bejn Xoku u Għażeka, f'Efes-dammim.

[2]Sawl u n-nies ta' Iżrael inġabru u waqqfu l-kamp fil-wied ta' Ela, u tqassmu għall-ġlied kontra l-Filistin.

[3]U l-Filistin kienu fuq l-għolja minn naħa u l-Iżraelin fuq l-għolja min-naħa l-oħra, u l-wied bejniethom.

[4]U ħareġ jisfidahom raġel kampjun mill-kamp tal-Filistin, jismu Gulija, minn Gatt, twil sitt idriegħ u xiber.

[5]Kellu f'rasu elmu tal-bronż u kurazza maħduma qxur qxur, tiżen ħamest elef xekel bronż.

[6]F'riġlejh kellu xedd tal-bronż u alabarda tal-bronż fuq spallejh.

[7]L-għuda tal-lanza tiegħu kienet bħal motwa tan-nissieġa u l-ħadida tal-lanza kienet tiżen sitt mitt xekel ħadid; u quddiemu kien jimxi wieħed iġorrlu t-tarka.

[8]Waqaf u beda jgħajjat lill-qtajja' ta' Iżrael, u għidilhom: "Għalfejn ħriġtu mqassma għall-gwerra? M'iniex jien Filisti u intom l-iliera ta' Sawl? Agħżlu issa bniedem u jinżel għalija.

[9]Jekk għandu l-ħila jitqabad miegħi u joqtolni, aħna nsiru lsiera tagħkom, imma jekk negħlbu jien u noqtlu, intom tkunu lsiera tagħna u intom taqduna."

[10]Imbagħad issokta jgħid il-Filisti: "Hawn jien illum nisfida l-qtajja' ta Iżrael! Agħtuni raġel u nitqabdu flimkien."

[11]Malli Sawl u Iżrael semgħu dan il-kliem tal-Filisti, triegħdu u beżgħu ħafna.

### David jinżel fil-kamp

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

12David kien bin raġel minn Efrata, minn Betlehem ta' Ġuda, li kien jismu Ġesse, u dan kellu tmint itfal. Dan ir-raġel fi żmien Sawl kien xiħ u mdaħħal fiż-żmien,

13u t-tlieta l-kbar minn ulied Ġesse marru għall-gwerra ma' Sawl, u t-tliet uliedu kien jisimhom: il-kbir Elijab, it-tieni Abinadab, u t-tielet Samma.

14David kien iż-żgħir; u t-tlieta l-kbar marru wara Sawl.

15David kien ġej u sejjer minn ħdejn Sawl u lura lejn Betlehem jirgħa n-nagħaġ ta' missieru.

16Għal erbgħin jum sħaħ, filgħodu u filgħaxija, il-Filisti kien joħroġ wieqaf quddiemhom.

17U Ġesse qal lil ibnu David: "Hu lil ħutek efa minn dan il-qamħ inkaljat, u dawn l-għaxar ħobżiet, u ħudhom lil ħutek fil-kamp.

18U dawn l-għaxar ġbejniet ħudhom lill-kmandant tal-elf, u ara ħutek humiex tajbin, u ħu ħbarhom."

19U Sawl, u huma, u l-Iżraelin kollha kienu fil-wied ta' Ela jiġġieldu mal-Filistin.

20David bakkar filgħodu u ħalla l-merħla f'idejn għassies, għabba u telaq kif kien qallu Ġesse, u mar u wasal fil-kamp sewwasew meta l-qtajja' kienu ħierġa mqassma għall-ġlied, u bl-għajta tal-gwerra fuq fommhom.

21U l-Iżraelin u l-Filistin tqassmu fi qtajja' kontra xulxin.

22U David ħalla l-ħwejjeġ li kellu fuqu f'idejn l-għassies, u mar jiġri lejn il-qtajja', u kif wasal staqsa jekk ħutu kinux tajbin.

23Kif kien jitkellem magħhom, il-kampjun Gulija, il-Filisti minn Gatt, ħareġ minn fost il-qtajja' tal-Filistin jgħid dak il-kliem, u semgħu David.

24U l-Iżraelin kollha malli raw dak il-bniedem, ħarbu minn quddiemu, kollhom beżgħana.

25Wieħed mill-Iżraelin qal: "Rajtuh dan ir-raġel ġej fin-nofs? Ġej jisfida lil Iżrael! Il-bniedem li joqtlu, is-sultan jagħnih bil-ġid, jagħtih lil bintu, u 'l dar missieru jeħlisha mill-ħaraġ f'Iżrael."

26U David kellem lin-nies li kien hemm miegħu u qalilhom: "X'jagħmlulu lir-raġel li joqtol lil dan il-Filisti, u jneħħi l-għajb minn fuq Iżrael? U min hu dan il-Filisti bla ħtin, biex jisfida lill-qtajja' ta' Alla l-ħaj?"

27U n-nies weġbuh u qalulu l-istess kliem: "Hekk jagħmlulu lir-raġel li joqtlu."

28U Elijab, ħuh il-kbir, semgħu jitkellem man-nies, u Elijab għadab għal David u qallu: "Għalfejn ġejt hawn? U ma' min ħallejt dik id-daqsxejn ta' merħla fix-xagħri? Naf tajjeb il-kburija u l-ħażen li hemm f'qalbek! Int inżilt hawn biex tara t-taqbid."


© 2020 Malta Bible Society.

29U David wieġeb: "X'għamilt jien issa? Mhux kelma għedt?"

30U dar madwaru lejn wieħed ieħor u raġa' staqsieh l-istess; u n-nies tennewlu
l-istess kliem ta' qabel.

31Il-kliem ta' David semgħuh in-nies, u wassluh lil Sawl, u dan bagħat għalih.

32U David qal lil Sawl: "Ħadd ma għandu jaqta' qalbu minn dan il-bniedem. Jien,
il-qaddej tiegħek, immur niġġieled ma' dan il-Filisti."

33U Sawl wieġeb lil David: "Int ma tistax tmur quddiem dan il-Filisti u tiġġieled
miegħu, għax int għadek żagħżugħ, u hu raġel tal-ġlied sa minn żgħożitu."

34U David wieġeb lil Sawl: "Il-qaddej tiegħek kien għadu jirgħa n-nagħaġ ta'
missieru, u meta kien jiġi xi ljun jew ors jaħtaf xi waħda mill-merħla,

35jien kont nagħmel għal warajh, nidorbu, u naħtafhielu minn ħalqu. U jekk kien
idur għalija, kont naqbdu minn ilħitu, nidorbu u noqtlu.

36Il-qaddej tiegħek qatel l-iljun u l-ors; u dan il-Filisti bla ħtin ikun bħal wieħed
minnhom, għaliex sfida l-eżerċti ta' Alla l-ħaj."

37U David issokta jgħid: "Il-Mulej, li ħelisni minn ħalq l-iljun u l-ors, jeħlisni minn
id dan il-Filisti." "Mur," wieġeb Sawl, "u l-Mulej ikun miegħek."

38Sawl libbes lil David bl-armatura tiegħu, qegħedlu f'rasu elmu tal-bronż, u
xiddlu l-kurazza.

39Imbagħad David tħażżem bix-xabla fuq l-armatura, u meta ġie biex jimxi, darba
darbtejn, ma għamel xejn. Għalhekk qal lil Sawl: "Ma nistax nimxi b'dan kollu;
m'iniex imdorri bihom." U għalhekk neħħa kollox minn fuqu.

40David ħa l-ħatar f'idu, għażel ħames ċagħqiet lixxi mill-wied, u qegħedhom fil-
ħorġa ta' ragħaj li kellu; ħa wkoll l-iżbandola f'idu, u qarreb lejn il-Filisti.

41Il-Filisti resaq lejn David bil-mod, u raġel bit-tarka quddiemu.

42Malli lemaħ lil David, stmellu, għax rah żagħżugħ, ruxxan u sabiħ fis-sura
tiegħu.

43U l-Filisti qal lil David: "Xi ħsibtni lili, xi kelb, biex ħriġt għalija bil-ħatar?" U
beda jisħet lil David bl-allat tiegħu.

44U ssokta jgħid lil David: "Ejja lejja, biex nagħti laħmek lit-tjur tas-smewwiet u
lill-bhejjem tal-art."

45David wieġeb lill-Filisti: "Inti ġejt lejja bix-xabla, bil-lanza u bil-vleġġa; iżda jien
ġejt għalik b'isem il-Mulej tal-eżerċti, Alla tal-armata ta' Iżrael, li int sfidajt.


© 2020 Malta Bible Society.

46Illum stess il-Mulej jagħtik f'idejja, u jien nidorbok, naqtagħlek rasek minn fuqek, u 'l ġismek u l-iġsma tal-armata tal-Filistin nagħtihom illum stess lit-tjur tas-smewwiet u lill-bhejjem tal-art. U kulħadd isir jaf li hemm Alla f'Iżrael.

47U din il-kotra tagħraf illi l-Mulej ma jsalvax bix-xabla jew bil-lanza; għax il-gwerra f'idejn il-Mulej, u llum se jitlaqkom f'idejna."

48Il-Filisti qam u resaq lejn David; malli dan, David mar jgħaġġel fil-post tal-ġlied jiltaqa' mal-Filisti.

49Daħħal idu fil-ħorġa, ħa minnha ċagħqa, waddabha bl-iżbandola, u laqat il-Filisti fi ġbinu: iċ-ċagħqa daħlet fi ġbinu u hu waqa' għal wiċċu fl-art.

50Hekk David rebaħ lill-Filisti bi żbandola u b'ċagħqa; laqtu u qatlu, bla xabla f'idu.

51David qabeż fuq il-Filisti, u waqaf fuqu, ħadlu x-xabla mill-għant, qatlu u qatagħlu rasu biha. Malli l-Filistin raw li miet il-bniedem kampjun tagħhom, ħarbu.

52U l-irġiel ta' Iżrael u Ġuda qamu u bdew jgħajtu u ntefgħu għal fuq il-Filistin sa qrib Gatt u l-bibien ta' Għekron. U ħafna mill-Filistin baqgħu mejta fit-triq ta' Sagħrajm sa Gatt u sa Għekron.

53U malli reġgħu lura minn wara l-Filistin, l-Iżraelin ħatfu kulma sabu fil-kamp tagħhom.

54U David ħa ras il-Filisti, u ħadha Ġerusalemm, u l-armi li kellu ħadhom fit-tinda tiegħu.

55Meta ra lil David ħiereġ għall-Filisti, Sawl staqsa lil Abner, il-kmandant tal-eżerċitu: "Abner, bin min hu dan iż-żagħżugħ?" U Abner wieġeb: "Daqs kemm int ħaj, sultan, ma nafx."

56U s-sultan qallu: "Mur u ara bin min hu ż-żagħżugħ."

57U malli David raġa' lura wara li kien qatel il-Filisti, mar jilqgħu Abner u ħadu quddiem Sawl, b'ras il-Filisti f'idu.

58U Sawl qallu: "Bin min int, żagħżugħ?" u David wieġbu: "Bin il-qaddej tiegħek Ġesse, il-Betlemita."

## 1 Samwel 18

### Il-ħbiberija ta' David u Ġonatan

1Malli David spiċċa jitkellem ma' Sawl, qalb Ġonatan intrabtet ma' qalb David, u Ġonatan ħabbu bħalu nnifsu.

2Dakinhar Sawl ħadu miegħu, u ma ħalliehx imur f'dar missieru.


© 2020 Malta Bible Society.

3 U Ġonatan u David għamlu patt bejniethom, għax kien iħobbu bħalu nnifsu.

4 U Ġonatan neħħa l-mantar li kellu fuqu, u tah lil David, u tah ukoll l-armatura tiegħu, u saħansitra x-xabla u l-qaws u l-ħżiem li kellu.

5 U David kien joħroġ għall-ġlied, u kull fejn kien jibagħtu Sawl kien jirbaħ. U Sawl qiegħdu fuq in-nies tal-gwerra. U kien miġjub min-nies kollha u mill-qaddejja kollha ta' Sawl.

6 Ġara li, meta David raġa' lura wara li kien qatel il-Filisti,

7 ħarġu n-nisa mill-ibliet kollha ta' Iżrael bit-tnabar u bl-arpi, jgħajtu bil-ferħ, jgħannu u jiżfnu madwar is-sultan Sawl, jaqbżu u jwieġbu 'l xulxin: "L-eluf tiegħu qatel Sawl; u David l-għaxriet tal-eluf tiegħu."

8 Dan deher ikrah f'għajnejn Sawl, u saħan bis-sħiħ: "Lil David tawh għaxriet l-eluf," qal, "u lili tawni l-eluf; ma jonqoshomx jagħtuh ħlief is-saltna!"

9 U minn dakinhar 'il quddiem beda jarah ikrah lil David.

10 L-għada, spirtu ħażin mibgħut minn Alla ħakem lil Sawl li ntilef f'dagħdigħa f'daru. David kien qiegħed idoqq l-arpa bħas-soltu, u Sawl kellu f'idejh il-lanza.

11 U beda jxejjirha u jgħajjat: "Irrid noqtol lil David, u nwaħħlu mal-ħajt!" Imma David żgiċċa minn quddiemu darbtejn.

12 Sawl beda jibża' minn David, għax il-Mulej kien miegħu u tbiegħed minn Sawl.

13 U dan warrbu minn quddiemu billi qiegħdu kap ta' elf ruħ; u David kien ħiereġ u dieħel quddiem il-poplu.

14 David kien għaqli fl-imġiba tiegħu, għax il-Mulej kien miegħu.

15 U meta Sawl kien jarah hekk għaqli, kien jibża' minnu,

16 imma Iżrael u Ġuda kollha kienu jħobbu 'l David, għax kien imexxihom fit-taqbid.

17 Sawl qal lil David: "Ara għandi 'l binti l-kbira Merab. Jien nagħtihielek b'martek, biss kun gwerrier qalbieni u ġġieled il-battalji tal-Mulej." Għax Sawl qal bejnu u bejn ruħu: "Ma nerfax idi fuqu jien, iżda jerfgħuha l-Filistin."

18 U David qal lil Sawl: "Min jien, u min hi l-familja ta' missieri fost Iżrael, biex inkun jien ħaten is-sultan?"

19 Imma ġara li meta Merab bint Sawl kienet waslet għaż-żwieġ ma' David, Sawl taha lil Għadrijel ta' Meħola b'martu.

20 Mikal, bint Sawl, kienet tħobb lil David. Sawl qalulu b'dan u din il-ħaġa għoġbitu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

21 U Sawl qal: “Nagħtihielu, iżda se tkunlu xibka, għax taqa’ fuqu id il-Filistin.” U Sawl qal lil David għat-tieni darba: “Illum int issir ħatni.”

22 Sawl imbagħad ordna lill-qaddejja tiegħu jkellmu lil David bil-moħbi u jgħidulu: “Ara, is-sultan mgħaxxaq bik u l-qaddejja kollha tiegħu jħobbuk; għalhekk issa hu l-waqt li ssir ħaten is-sultan.”

23 U l-qaddejja ta’ Sawl wasslu dan il-kliem f’widnejn David, u David wieġeb: “Taħsbu intom li hi ħaġa żgħira li tkun ħaten is-sultan? Jien bniedem fqir u ma jien xejn.”

24 U l-qaddejja ta’ Sawl għarrfuh b’dan u qalulu: “Dan hu kliem David.”

25 U Sawl weġibhom: “Dan jgħidu lil David: ‘Is-sultan ma jrid ebda rigal ieħor, ħlief mitt ħliefa tal-Filistin, biex jitħallas mill-għedewwa tas-sultan.’ ” Sawl kellu f’rasu li David jaqa’ f’idejn il-Filistin.

26 U l-qaddejja ta’ Sawl wasslu dan il-kliem lil David. U din li jiżżewweġ lil bint is-sultan lil David għoġbitu. Ma għaddiex ħafna żmien;

27 David qam u ħareġ, hu u n-nies tiegħu, u qatel mitejn raġel mill-Filistin u ħa ħlifiethom, u mar jgħoddhom quddiem is-sultan biex jiżżewweġ lil bintu. U Sawl tah lil bintu Mikal b’martu.

28 Sawl ra li l-Mulej kien ma’ David, u li Mikal bint Sawl kienet tħobbu.

29 U baża’ minn David aktar minn qabel, u sar għadu tiegħu għal ħajtu kollha.

30 U l-kapijiet tal-Filistin baqgħu joħorġu għall-ġlied, u kull darba li kienu joħorġu David kien joħroġ u juri ħila aktar mill-qaddejja kollha ta’ Sawl, u ismu kien jissemma ma’ kullimkien.

## 1 Samwel 19

### Ġonatan jaqbeż għal David

1 U Sawl qal lil Ġonatan, ibnu, u ’l-qaddejja tiegħu biex joqtlu lil David; imma Ġonatan bin Sawl kellu qalbu marbuta ma’ David.

2 Ġonatan għarraf lil David u qallu: “Sawl missieri qiegħed ifittex li joqtlok. Issa, mela, qis li tgħasses minn għada filgħodu, u sib xi moħba, u żomm ruħek moħbi.

3 Jien mbagħad noħroġ u noqgħod ħdejn missieri fir-raba’ fejn tkun int; jien inkellem lil missieri fuqek, u jekk nara xi ħaġa ngħarrfek.”

4 U Ġonatan tkellem tajjeb ma’ Sawl missieru fuq David: “Ma għandux għalfejn is-sultan jagħmel dan lill-qaddej tiegħu David! Għax ma għamillek ebda tort, anzi għamillek ħafna ġid.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

5 Hu lagħab ħajtu f'idejh u qatel il-Filisti u l-Mulej ta rebħa kbira lil Iżrael kollu. Int rajt dan kollu u fraħt. Għaliex trid tkun ħati ta' demm innoċenti, u toqtol lil David għal xejn b'xejn?"

6 Sawl sama' minn kliem Ġonatan, u ħalef u qal: "Daqs kemm hu ħaj il-Mulej, ma jmutx żgur."

7 Ġonatan sejjaħ lil David u għarrfu b'dan kollu: imbagħad ressqu quddiem Sawl, u baqa' miegħu bħal qabel.

### Mikal issalva lil David

8 U reġgħet qamet il-gwerra; u David ħareġ jitqabad mal-Filistin, u għamel ħerba sħiħa minnhom, u ħarbu minn quddiemu.

9 U l-Mulej bagħat spirtu ħażin fuq Sawl, hu u kien bilqiegħda b'lanza f'idu, u David kien qiegħed idoqq l-arpa b'idu.

10 U Sawl ipprova jolqot lil David bil-lanza u jsammru mal-ħajt; imma David żgiċċa minn Sawl, u l-lanza baqgħet imwaħħla mal-ħajt; u David ħarab u ħeles.

11 Dak il-lejl Sawl bagħat l-għases jgħassulu biex joqtluh mas-sebħ. U Mikal, martu, għarrfet lil David u qaltlu: "Jekk il-lejla ma taħsibx għal rasek, għada filgħodu tkun mejjet."

12 Imbagħad Mikal niżżlet lil David mit-tieqa, u dan qabad u telaq, u ħeles.

13 U Mikal, qabdet it-terafim, għattietu u qegħditu fil-friex, ħadet biċċa xagħar tal-mogħoż, u qegħditha ħdejn rasu, u għattietu bil-ħwejjeġ.

14 Sawl bagħat messaġġiera biex jaqbdu lil David, u Mikal qaltilhom: "Marid!"

15 U Sawl raġa' bagħat il-messaġġiera jaraw lil David u qalilhom: "Ġibuhuli bil-friex b'kollox, biex noqtlu."

16 Il-messaġġiera daħlu u sabu t-terafim fil-friex bix-xagħar tal-mogħoż ħdejn rasu.

17 U Sawl qal lil Mikal: "Għaliex dħaqt bija b'dan il-mod? Għaliex ħallejt l-għadu tiegħi jaħrab u jeħles minni?" U Mikal weġbitu: "Għax hu qalli: 'Ħallini mmur, inkella noqtlok.' "

### David u Sawl f'Najot

18 U David ħarab u ħeles. U mar għand Samwel f'Rama u għarrfu b'kulma kien għamillu Sawl. Imbagħad telqu t-tnejn, hu u Samwel, u marru joqogħdu f'Najot.

19 U għarrfu lil Sawl u qalulu: "Ara, David qiegħed f'Najot, ħdejn Rama."

20 U Sawl bagħat messaġġiera biex jaqbdu lil David, u raw qatgħa profeti mitlufa f'estasi ta' profeti, u Samwel wieqaf f'nofshom; u niżel l-ispirtu ta' Alla fuqhom u ntilfu f'estasi huma wkoll.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

21Malli sar jaf, Sawl bagħat messaġġiera oħra, u dawn ukoll intilfu f'estasi; u Sawl
raġa' bagħat messaġġiera oħra għat-tielet darba, u dawn ukoll intilfu f'estasi.

22Imbagħad mar hu stess f'Rama, u malli wasal ħdejn il-ġibjun ta' Xeku staqsa u
qal: "Fejn huma Samwel u David?" U weġbuh: "F'Najot ħdejn Rama."

23U telaq minn hemm lejn Najot ħdejn Rama, u fuqu wkoll niżel l-ispirtu ta' Alla,
u ntilef f'estasi, u baqa' sejjer hu u jipprofetizza sakemm wasal f'Najot ħdejn
Rama.

24U hu wkoll naża' ħwejġu u ntilef f'estasi ta' profeta quddiem Samwel, u baqa'
mixħut fl-art għarwien il-jum u l-lejl kollu. Għalhekk bdew jgħidu: "Sawl ukoll
fost il-profeti?"

## 1 Samwel 20

### Il-ħbiberija ta' David u Ġonatan

1David ħarab minn Najot ħdejn Rama u sab lil Ġonatan u staqsieh: "X'għamilt
jien? X'deni għamiltlu? Fiex offendejtu 'l missierek, biex qiegħed ifittxli ħajti?"

2U wieġbu: "Ma jkun qatt! Ma tmut qatt! Ara, missieri ma jagħmel xejn, la kbir u
la żgħir, mingħajr ma jgħidli; u għala għandu missieri jaħbili din il-biċċa? Ma
hemm xejn."

3U David ħalef u qal: "Missierek jaf żgur li int tħobbni, u qal: 'Ma ngħidlux b'dan
lil Ġonatan, inkella jsewwed qalbu.' Daqs kemm hu ħaj il-Mulej, u daqs kemm int
ħaj int, pass wieħed hemm bejni u bejn il-mewt."

4U Ġonatan wieġeb lil David: "Għidli x'tixtieq u nagħmilhulek."

5U David wieġeb lil Ġonatan: "Ara, għada qamar ġdid, u jien għandi noqgħod
niekol mas-sultan. Ħallini mmur u ninħeba fir-raba' sat-tielet jum filgħaxija.

6Jekk missierek jintebaħ u jistaqsi għalija, għidlu: 'David talabni fuq li talabni
biex jaqbeż qabża sa daru f'Betlehem, il-belt tiegħu, għaliex hemm kellhom joffru
s-sagrifiċċju ta' kull sena għal niesu kollha.'

7U jekk iwieġeb: 'Tajjeb,' il-qaddej tiegħek salv; imma jekk jinkorla, kun af li hu
qatagħha li jagħmilli d-deni.

8Agħmel ħniena mal-qaddej tiegħek, għax int daħħalt il-qaddej tiegħek f'patt
miegħek quddiem il-Mulej. Jekk hemm xi ħtija fija, oqtolni int; għaliex teħodni
għand missierek?"

9U Ġonatan wieġeb: "Ma jkun qatt dan minnek! Jekk inkun naf żgur li missieri
jkun qatagħha li jagħmillek id-deni, int taħseb li ma ngħidlekx?"

10U David qal lil Ġonatan: "Min se jgħidli, jekk missierek iwieġbek bl-aħrax?"


© 2020 Malta Bible Society.

11 U Ġonatan wieġbu: “Ejja noħorġu fir-raba’.” U ħarġu t-tnejn fir-raba’.

12 U Ġonatan qal lil David: “Xhud il-Mulej, Alla ta’ Iżrael! Għada bħalissa nistħarreġ lil missieri għat-tielet darba, u jekk ikun tajjeb miegħek jew le, nibgħat ngħidlek.

13 Dan jagħmel il-Mulej lil Ġonatan u aktar; anke jekk stess missieri jkun irid jagħmillek id-deni, jien ngħarrfek u nħallik tmur bis-sliem, u l-Mulej ikun miegħek bħalma kien ma’ missieri.

14 U jekk jien inkun għadni ħaj, jien żgur li int turi t-tjieba tal-Mulej miegħi. U jekk jien immut,

15 int ma twarrab qatt it-tjieba tiegħek minn ma’ dari, lanqas meta l-Mulej ikun qaċċat kull għadu ta’ David minn wiċċ l-art.”

16 U Ġonatan għamel patt mad-dar ta’ David: “Jalla l-Mulej jitħallas mill-għedewwa ta’ David.”

17 U Ġonatan ħalef lil David għall-imħabba li kellu għalih, għax kien iħobbu daqs kemm kien iħobb lilu nnifsu.

18 U Ġonatan issokta jgħidlu: “Għada qamar ġdid, u jindunaw li postok vojt.

19 Għalhekk inżel malajr għat-tielet darba filgħaxija u mur fil-post fejn kont inħbejt nhar il-festa filgħaxija, u oqgħod hemmhekk ħdejn il-borġ tal-ġebel.

20 Jiena mbagħad inwaddab tliet vleġeġ għal ħdejh, bħallikieku qiegħed nieħu l-mira.

21 Imbagħad nibgħat il-qaddej ifittex il-vleġeġ. Jekk ngħidlu: ‘Ara, l-vleġeġ qegħdin ’l hawn minnek, ġibhom,’ inti tkun tista’ tiġi, għax ikun kollox sewwa miegħek, u ma jkun hemm xejn kontrik, daqs kemm hu ħaj Alla.

22 Imma jekk jien ngħidlu: ‘Ara, il-vleġeġ qegħdin aktar ’l hemm minnek,’ int warrab, għax il-Mulej ikun qiegħed jibagħtek.

23 U ta’ kulma għedna, jien u int, il-Mulej xhud tiegħu bejni u bejnek għal dejjem.”

### Ġonatan jerġa’ jaqbeż għal David

24 David mar jinħeba fir-raba’. U kien il-qamar ġdid, u s-sultan kien fuq il-mejda jiekol,

25 bilqiegħda f’postu bħas-soltu n-naħa tal-ħajt; biswitu kien hemm Ġonatan; u Abner kien maġenb Sawl, imma post David kien vojt.

26 Sawl dakinnhar ma qal xejn għax ħaseb: “Ġralu xi ħaġa, jew għandu mnejn imniġġes, għax ma tnaddafx.”

27 L-għada tal-qamar ġdid, il-post ta’ David baqa’ vojt, u Sawl qal lil Ġonatan ibnu: “Għala bin Ġesse ma ġiex jiekol, la lbieraħ u lanqas illum?”

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

28U Ġonatan wieġeb lil Sawl: "David talabni fuq li talabni biex jasal wasla sa Betlehem.

29Qalli: 'Ibagħtuni għax għandna s-sagrifiċċju tal-familja fil-belt; u ħija stess ordnali. Mela jekk jien sibt ħniena f'għajnejk, ħallini mmur, jekk jogħġbok, nara lil ħuti.' Għalhekk ma ġiex għall-mejda tas-sultan."

30U Sawl xegħel bl-għadab għal Ġonatan u qallu: "Ja biċċa ta' bin mara qarrieqa, ma nafx jien li int ħabib ta' bin Ġesse b'għajb tiegħek u b'għajb tal-għera ta' ommok?

31Sakemm idum ħaj fuq l-art bin Ġesse, la int u lanqas saltnatek ma tkunu fis-sod. Issa ibgħat u ġibu hawn quddiemi, għax ħaqqu l-mewt."

32U Ġonatan wieġeb lil missieru u qallu: "Għala għandu jmut? X'għamel?"

33U Sawl qabad u xejjer il-lanza biex jidorbu; u Ġonatan sar jaf li missieru qatagħha li joqtol lil David.

34U Ġonatan qam minn fuq il-mejda tas-sultan mgħaddab bis-sħiħ, u ma kielx ħobż fit-tieni jum tax-xahar, għax kien mgħolli għal David, u għax missieru avvelieh.

### Ġonatan iwissi lil David

35Filgħodu kmieni Ġonatan ħareġ fir-raba' kif kien ftiehem ma' David, u kellu tfajjel miegħu.

36U qal lit-tfajjel: "Iġri u ġibli l-vleġeġ li se nwaddab," u waddab il-vleġeġ 'l hemm minnu.

37Malli t-tfajjel wasal fejn waqgħu l-vleġeġ li Ġonatan kien waddab, dan qabad jgħajjat lit-tifel u qal: "Mhumiex il-vleġeġ 'l hemm minnek?"

38U Ġonatan reġa' għajjat lit-tifel: "Għaġġel, isa, u la tiqafx." U t-tfajjel ġabar il-vleġeġ ta' Ġonatan u raġa' lura lejn sidu.

39U t-tfajjel ma ntebaħ b'xejn. Ġonatan u David biss kienu jafu x'inhi l-biċċa.

40U Ġonatan ta l-armi lit-tfajjel li kellu miegħu u qallu: "Mur, ħudhom il-belt."

41Xħin telaq it-tfajjel, David qam minn ħdejn il-borġ ġebel u nxteħet wiċċu fl-art, u baxxa rasu għal tliet darbiet; imbagħad biesu lil xulxin, u bkew lil xulxin sewwa, imma l-aktar David.

42U Ġonatan qal lil David: "Mur bis-sliem. Aħna ħlifna lil xulxin b'isem il-Mulej u għedna: 'Il-Mulej xhud għal dejjem, bejni u bejnek, bejn in-nisel tiegħi u bejn in-nisel tiegħek.' "

## 1 Samwel 21

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

### David imur Nob

1Qam u telaq, Ġonatan, mar fil-belt

2u David mar għand il-qassis Aħimelek f'Nob. U Aħimelek ħareġ qalbu ttaqtaq jilqa' lil David u qallu: "Għala inti waħdek, u ma għandek lil ħadd miegħek?"

3U David wieġeb lil Aħimelek il-qassis: "Is-sultan ordnali u qalli: 'Ħadd ma għandu jkun jaf xejn minn dak li għalih bgħattek u lanqas x'ordnajtlek.' Għalhekk ftehemt mal-qaddejja li niltaqgħu x'imkien.

4U issa, x'għandek f'idejk? Ħames ħobżiet? Agħtini minnhom, jew minn dak li ssib."

5U l-qassis wieġeb lil David u qallu: "Ma għandix f'idejja ħobż li jista' jieklu kulħadd; mhawnx ħlief ħobż ikkonsagrat. U l-qaddejja tiegħek żammew ruħhom għallanqas 'il bogħod min-nisa?"

6U David wieġeb lill-qassis u qallu: "Iva! Kull meta noħorġu għall-ġlied dejjem niċċaħħdu min-nisa, u l-irġiel dejjem ikollhom ġisimhom safi mit-tinġis, għalkemm il-vjaġġ ma jkunx xi ħaġa qaddisa. Kemm aktar huma safja llum f'ġisimhom!"

7U l-qassis tah mill-ħobż ikkonsagrat, għax ma kellux ħlief il-ħobż tal-preżenza. Dan jitneħħa minn quddiem il-Mulej, biex floku jitqiegħed ħobż frisk, dak in-nhar stess li jitneħħa l-qadim.

8Dak in-nhar kien hemm wieħed mill-qaddejja ta' Sawl miżmum quddiem il-Mulej li kien jismu Duweg l-Idumi, l-aqwa fost ir-rgħajja ta' Sawl.

9U David qal lil Aħimelek: "Għandek xi xabla jew xi lanza f'idejk? Għax lanqas xabla jew lanza ma ħadt miegħi, għax l-ordni tas-sultan kien imgħaġġel."

10U l-qassis wieġeb: "Ix-xabla ta' Gulija l-Filisti, li int qtilt fil-wied ta' Ela; hawn hi mkebba f'mantar wara l-efod. Jekk tridha ħudha, ma hawnx oħra ħliefha." U David qallu: "Ma hawnx bħalha, agħtihieli."

### David imur Gatt

11David qam dakinnhar u ħarab minn quddiem Sawl u mar għand Akis, sultan ta' Gatt,

12u l-qaddejja ta' Akis qalulu: "Dan mhux David, sultan tal-pajjiż? Mhux għal dan żifnu u għannew u qalu: 'L-eluf tiegħu qatel Sawl, u David l-għaxriet tal-eluf tiegħu?' "

13U David żamm dan il-kliem f'qalbu, u baża' ħafna minn Akis, sultan ta' Gatt.

14U beda jagħmilha tal-iblah u jagħmel ħwejjeġ tal-ġenn quddiemhom; u jħażżeż fuq il-battenti ta' bieb il-belt bil-lagħab nieżel ma' lħitu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

15U Akis qal lill-qaddejja tiegħu: "Araw, dan bniedem miġnun! Għalfejn ġibtuhuli quddiemi?

16Jaqaw għandi bżonn l-imġienen biex ġibtuli 'l dan jitbellah quddiemi? Dan se jidħol f'dari?"

## 1 Samwel 22

1David qam u telaq minn hemm, u ħarab lejn l-għar ta' Għadullam; u semgħu ħutu u d-dar kollha ta' missieru, u niżlu ħdejh hemmhekk.

2U ngħaqad miegħu kull min kien magħkus, kull min kellu d-dejn, u kull min kien imdejjaq, u hu sar il-kap tagħhom; kellu miegħu daqs erba' mitt raġel.

3Minn hemm David mar Misfa f'Mowab, u qal lis-sultan ta' Mowab: "Halli joqogħdu missieri u ommi hawnhekk magħkom, sakemm inkun naf x'se jagħmel Alla għalija."

4U ħalliehom għand is-sultan ta' Mowab, u baqgħu miegħu ż-żmien kollu li David dam f'dak il-post fortizza.

5Imma l-profeta Gad qallu: "Toqgħodx f'din il-fortizza, itlaq u mur lejn art Ġuda." U David telaq u mar fil-masġar ta' Ħeret.

### Sawl jivvendika ruħu mill-qassisin u l-poplu ta' Nob

6Sawl sama' li n-nies kienu jafu fejn kien David bin-nies tiegħu. Sawl kien f'Gibgħa taħt is-siġra tat-tamarisk fuq l-għolja bil-lanza f'idu, u bin-nies tiegħu wieqfa madwaru.

7U Sawl qal lill-qaddejja tiegħu ta' madwaru: "Isimgħu, nies ta' Benjamin. Taħsbu intom li bin Ġesse se jagħtikom ilkoll oqsma u dwieli? Se jagħmilkom ilkoll kapijiet tal-eluf u kapijiet tal-mijiet?

8Għaliex ilkoll kemm intom tiftiehmu kontrija, u ħadd ma jgħarrafni bil-ftehim bejn ibni u bin Ġesse? Ħadd minnkom ma jħoss għalija u lanqas ma jgħarrafni li ibni xewwex lill-qaddej tiegħi; u li bħalissa qiegħed jonsobli?"

9U wieġeb Duweg l-Idumi, wieqaf f'nofs il-qaddejja ta' Sawl, u qal: "Jiena rajt lil bin Ġesse sejjer Nob, għand Aħimelek bin Aħitub;

10u dan staqsielu l-Mulej, u tah l-ikel, u x-xabla ta' Gulija l-Filisti."

11Imbagħad is-sultan bagħat isejjaħ lil Aħimelek bin Aħitub, il-qassis, lid-dar ta' missieru, lill-qassisin kollha li kienu f'Nob; u dawn ġew ilkoll għand is-sultan.

12U qallu Sawl: "Isma', jekk jogħġbok, bin Aħitub." U dak wieġeb: "Hawn jien, Sidi."


© 2020 Malta Bible Society.

13U Sawl qallu: "Għaliex ftehemtu kontrija, inti u bin Ġesse, u int tajtu ikel u xabla, u staqsejtlu lil Alla biex iqum kontra tiegħi, u jissajjali, bħalma qiegħed jagħmel illum?"

14U Aħimelek wieġeb lis-sultan u qallu: "U min hu mill-qaddejja tiegħek kollha bħal David, fidil u ħaten is-sultan, kap tal-għassa tiegħek, u stmat f'darek?

15Kien illum li bdejt nistaqsilu lil Alla? Żgur li le. Ma jkun qatt li s-sultan iwaħħal fil-qaddej tiegħu, u f'dar missieri kollha! Il-qaddej tiegħek ma jaf xejn, la wisq u la ftit, b'din il-biċċa."

16U s-sultan qallu: "Int tmut żgur, Aħimelek, int u dar missierek kollha."

17U s-sultan qal lill-gwardji ta' madwaru: "Duru u oqtlu lill-qassisin tal-Mulej, għax huma wkoll newlu idejhom lil David, u kienu jafu li ħarab minni, u ma qaluli xejn." Imma l-qaddejja ma ridux jerfgħu idejhom fuq il-qassisin tal-Mulej u joqtluhom.

18Is-sultan, għalhekk, qal lil Duweg: "Dur int, u oqtol il-qassisin." U Duweg l-Idumi dar u qabad hu fil-qassisin; u dak in-nhar qatel ħamsa u tmenin raġel li kienu jġibu l-efod tal-għażel.

19U 'l Nob, il-belt tal-qassisin, għaddieha minn xifer ix-xabla, irġiel u nisa, tfal u trabi, gniedes, ħmir u nagħaġ.

20Helisha tifel wieħed, bin Aħimelek bin Aħitub, li kien jismu Abjatar, u ħarab wara David.

21U Abjatar għarraf lil David li Sawl kien qatel il-qassisin tal-Mulej.

22U David qal lil Abjatar: "Ħsibtu jien dakinnhar, la kien hemm Duweg l-Idumi, li żgur imur jgħid lil Sawl. Lgħabt bil-ħajja ta' dar missierek.

23Oqgħod miegħi. La tibżax, għax min ifittixlek ħajtek ikun ifittex lil ħajti; ħdejja tkun fiż-żgur."

## 1 Samwel 23

### David jiġġerra 'l hawn u 'l hinn

1U ħabbru lil David u qalulu: "Ara, il-Filistin ħabtu għal Kegħila u qegħdin jisirqu l-andrijiet."

2U David stħarreġ lill-Mulej u staqsieh: "Immur u naħbat għal dawn il-Filistin?" U l-Mulej wieġeb lil David: "Mur u aħbat għall-Filistin, u eħles lil Kegħila."

3U n-nies ta' David qalulu: "Ara, aħna beżgħana hawn f'Ġuda; kemm aktar ikollna għax nibżgħu jekk immorru f'Kegħila kontra l-qtajja' tal-Filistin?"

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

4U David raġa' staqsa lill-Mulej; u l-Mulej wieġeb u qallu: "Qum, u inżel Kegħila, għax jien se nagħtik il-Filistin f'idejk."

5U David mar Kegħila, hu u n-nies tiegħu, u ħabat għall-Filistin, u ħadilhom l-imrieħel tagħhom, u tahom xebgħa kbira. U David ħeles lin-nies ta' Kegħila.

6Meta Abjatar bin Aħimelek ħarab għal għand David f'Kegħila, kellu l-efod f'idu.

7U 'l Sawl għarrfuh li David mar Kegħila, u Sawl qal: "Alla rħieh f'idejja, għax daħal u ngħalaq f'belt bil-bibien u l-istaneg."

8U Sawl sejjaħ il-poplu kollu għall-gwerra biex jinżel Kegħila u jdawwar 'il David u n-nies tiegħu.

9U David sar jaf li Sawl kien qiegħed iħejji li jagħmillu d-deni, u qal lil Abjatar, il-qassis: "Newwel l-efod."

10U David qal: "Mulej, Alla ta' Iżrael, il-qaddej tiegħek sama' li Sawl qiegħed ifittex li jiġi għal Kegħila biex jeqridha minħabba fija.

11U issa tgħid in-nies ta' Kegħila jerħuni f'idejh? Jinżel Sawl bħalma sama' l-qaddej tiegħek? Mulej, Alla ta' Iżrael, jekk jogħġbok, għarraf lill-qaddej tiegħek." U l-Mulej wieġeb: "Iva, jinżel!"

12U ssokta David: "Jerħu n-nies ta' Kegħila lili u 'l niesi f'idejn Sawl?" U l-Mulej wieġeb: "Iva, jerħuk."

13Għalhekk David qam, u hu u n-nies tiegħu, xi sitt mitt raġel, ħarġu minn Kegħila jiġġerrew 'l hawn u 'l hinn. Malli Sawl sar jaf li David ħarab minn Kegħila, ma baqax sejjer.

### David fid-deżert ta' Żif

14David imbagħad mar jistkenn fix-xagħri u jgħix fl-irdumijiet tad-deżert ta' Żif. Sawl baqa' dejjem ifittxu, iżda Alla ma rħiehx f'idejh.

15David kien jibża', għax Sawl kien ħareġ ifittixlu ħajtu, u David qagħad fix-xagħri ta' Żif f'Hores.

16U Ġonatan bin Sawl qabad u mar ħdejn David f'Hores u qawwielu qalbu f'Alla.

17U qallu: "La tibżax, għax Sawl missieri ma jaqbdikx f'idejh. Int għad issaltan fuq Iżrael, u jien inkun niġi warajk. U wkoll missieri jafu dan."

18U t-tnejn għamlu patt quddiem il-Mulej. U David baqa' jgħammar f'Hores, u Ġonatan mar f'daru.

19In-nies ta' Żif telgħu f'Gibgħa għand Sawl u qalulu: "Ma tafx li David jinsab mistoħbi għandna fl-irdumijiet ħdejn Hores, fuq l-għolja ta' Hakila, fuq in-naħa tan-Nofsinhar ta' Ġesimon?


© 2020 Malta Bible Society.

[20]Issa, mela, sultan, la int tixtieq minn qalbek li tinżel, inżel, u mbagħad ħalli
għalina li nerħuh f'idejk."

[21]U Sawl wieġeb: "Imbierka intom mill-Mulej, għax tħassartuni.

[22]Morru issa, u ħejju sewwa, tkixxfu, u araw fejn midd riġlu, u min rah hemm.
Għax qaluli li moħħu jilħaqlu għall-aħħar.

[23]Araw u tkixxfu l-moħbiet kollha li jista' jinħeba fihom, imbagħad ejjew għandi
b'tagħrif sewwa u jien niġi magħkom. Jekk tassew jinsab fil-pajjiż, jien infittxu
fil-familji ta' Ġuda, waħda waħda."

[24]U huma qamu u telqu lejn Żif qabel Sawl; u David bin-nies tiegħu kien fix-
xagħri ta' Magħon, fil-wita lejn in-Nofsinhar tax-xagħri ta' Ġesimon.

[25]U Sawl bin-nies tiegħu telaq ifittxu; u 'l David għarrfuh u niżel f'Sela, u baqa'
fid-deżert ta' Magħon; u Sawl sama' u mar għal wara David fid-deżert ta'
Magħon.

[26]U Sawl u n-nies tiegħu kienu miexja min-naħa l-waħda tal-għolja, u David u n-
nies tiegħu min-naħa l-oħra. David kien qiegħed iħaffef biex jeħles minn Sawl, u
Sawl u n-nies tiegħu kienu qegħdin idawru lil David u n-nies tiegħu biex
jaqbduhom.

[27]Imma wasal messaġġier għand Sawl u qallu: "Fittex għaġġel u itlaq, għax il-
Filistin daħlu fil-pajjiż."

[28]U Sawl waqaf mill-ġiri wara David u mar jilqa' l-Filistin. Għalhekk bdew isejħu
dak il-post: Sela-ħammaħlekot.

## 1 Samwel 24

[1]U David tala' minn hemm u mar fl-irdumijiet ta' Għajn-geddi.

### David fl-għar ta' Għajn-geddi

[2]U ġara li meta Sawl raġa' lura minn wara l-Filistin għarrfuh u qalulu: "Ara, David
qiegħed fix-xagħri ta' Għajn-geddi."

[3]Sawl ħa tlitt elef raġel magħżula minn fost Iżrael kollu, u mar ifittex lil David u
n-nies tiegħu fuq in-naħa tal-Lvant ta' Blat il-Mogħoż Selvaġġi.

[4]U wasal ħdejn l-imqawel tal-imrieħel fuq it-triq; kien hemm għar, u Sawl daħal
fih biex jaqdi l-bżonnijiet tiegħu; u David u n-nies tiegħu kienu qegħdin 'il ġewwa
nett tal-għar.

[5]U n-nies ta' David qalulu: "Ara, dan hu l-jum li għalih il-Mulej qallek: Ara, jien se
nagħtik l-għadu tiegħek f'idejk, u tagħmel minnu kif jogħġbok." U David qam, u
ċarrat bis-serqa l-keffa tal-mantar ta' Sawl.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

6U ġara li David stess ħass il-kuxjenza tniggżu għax qata' l-keffa tal-mantar ta'
Sawl.

7U qal lin-nies tiegħu: "Iħarisni l-Mulej! Ma jkun qatt li nagħmel dan lil sidi, il-
midluk tal-Mulej, li mmidd idi fuqu, għax hu l-midluk tal-Mulej."

8U David ipperswada lin-nies tiegħu bi kliemu, u ma ħallihomx iqumu għal Sawl.
U Sawl qam u ħareġ mill-għar għal triqtu.

9Imbagħad wara dan David ħareġ mill-għar u beda jgħajjat wara Sawl u jgħidlu:
"Sidi s-sultan!" U Sawl ħares lura, u David niżżel wiċċu sal-art quddiemu u
sellimlu.

10U David qal lil Sawl: "Għaliex tisma' milli jgħidulek in-nies: 'Ara, David qiegħed
ifittex jagħmillek id-deni.'

11Ara, illum rajt b'għajnejk li l-Mulej illum erħiek f'idi fl-għar, imma jien ma ridtx
noqtlok, għax għedt: 'Ma mmiddx idi fuq sidi, għax hu l-midluk tal-Mulej.'

12Ara, missieri, il-keffa tal-libsa tiegħek f'idejja. Jien qtajt il-keffa ta' mantarek, u
ma qtiltekx. Ara, u kun af li ma hemm ebda ħażen jew qerq f'idejja, u ma
offendejtek b'xejn, u b'dan kollu int tistadli ħajti biex tneħħihieli.

13Jagħmel ħaqq il-Mulej bejni u bejnek, u jitħallas minnek għalija l-Mulej. Imma
idi ma tintrefax fuqek!

14Kif jgħid il-proverbju mill-qedem: 'Mill-ħżiena joħroġ il-ħażen'; idi ma tintrafa'
qatt fuqek.

15Wara min ħareġ is-sultan ta' Iżrael? Wara min qiegħed tiġri int? Wara kelb
mejjet, wara bergħud!

16Ha jkun imħallef il-Mulej, u jagħmel ħaqq bejni u bejnek, ħa jara u jqis il-kawża
tiegħi, u jeħlisni minn idejk."

17Meta David temm dan il-kliem, Sawl wieġeb: "Dan huwa leħnek, David, ibni?"
U Sawl għolla leħnu u beka.

18U ssokta jgħid lil David: "Int bniedem sewwa aktar minni, għax int għamilt il-
ġid miegħi u jien għamiltlek id-deni.

19Imma llum int għamilt ġid akbar miegħi, għaliex il-Mulej erħieni f'idejk u int
ma qtiltnix.

20Kif jista' jkun li wieħed ifittex l-għadu tiegħu, u mbagħad iħallih għaddej għal
triqtu bis-sliem? Il-Mulej jimliek bil-ġid u r-riżq għal li għamilt miegħi llum.

21Illum għaraft li inti żgur issaltan, u f'idejk is-saltna ta' Iżrael tkun fis-sod.

22Għalhekk aħlifli bil-Mulej li ma tqaċċatx lil nisli li jiġi warajja, u li ma teqridx
ismi minn dar missieri."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

23U David ħalef lil Sawl. U Sawl telaq lejn daru; u David bin-nies tiegħu telqu lejn il-fortizza.

## 1 Samwel 25

### David u Abigajl

1U Samwel miet, u l-Iżraelin inġabru kollha u bkewh u difnuh f'daru, f'Rama. U David qam u niżel fid-deżert ta' Faran.

2Kien hemm raġel f'Magħon u x-xogħol tiegħu kien fil-Karmel; kien raġel għani ħafna; kellu tlitt elef nagħġa u elf mogħża. Kien fil-Karmel iġiżż in-nagħaġ tiegħu.

3Ir-raġel kien jismu Nabal, u martu Abigajl. Il-mara kienet ta' għaqal kbir u sabiħa fl-għajn; imma r-raġel, li kien min-nisel ta' Kaleb, kien bniedem goff u ħażin f'għemilu.

4U David sama' fid-deżert li Nabal kien qiegħed iġiżż in-nagħaġ tiegħu.

5U David bagħat għaxar żgħażagħ u qalilhom: "Itilgħu l-Karmel, u morru għand Nabal, u sellu għalih f'ismi, agħtuh is-sliem,

6u għidulu: 'Sliem għalik, sliem lil darek u lil kull min għandek.

7Jien smajt li int qiegħed iġġiżż in-nagħaġ; issa meta r-rgħajja tiegħek kienu magħna, aħna qatt ma ħabbatniehom, u qatt ma naqashom xejn kemm damu l-Karmel.

8Saqsi l-qaddejja tiegħek u jgħidulek. Għalhekk jalla dawn iż-żgħażagħ isibu ħniena f'għajnejk għax ġejna f'jum tajjeb. Agħti mela dak li jiġi għal idejk lill-qaddejja tiegħek, u lil ibnek David.' "

9U ż-żgħażagħ ta' David marru, u kellmu lil Nabal skont dan il-kliem kollu f'isem David, u qagħdu jistennew.

10U Nabal wieġeb lill-qaddejja ta' David, u qalilhom: "Min hu David u min hu bin Ġesse? Hafna huma l-qaddejja llum li ħarbu mingħand sidhom.

11Għandi nieħu l-ħobż, u l-ilma tiegħi, u l-laħam li jien ħejjejt għall-ġeżżieża tiegħi, biex nagħtih lil nies li ma nafx mnejn huma?"

12U l-qaddejja ta' David qabdu triqthom u reġgħu lura; kif waslu għarrfuh b'dan kollu.

13U David qal lin-nies tiegħu: "Ha jitħażżem kulħadd bix-xabla tiegħu." U kulħadd tħażżem bix-xabla, u David ukoll tħażżem bix-xabla tiegħu. U telgħu wara David xi erba' mitt ruħ; u mitejn oħra baqgħu mat-tagħmir.

14U wieħed mill-qaddejja ħabbar lil Abigajl, mart Nabal, u qalilha: "Ara, David bagħat mid-deżert messaġġiera biex isellmu lil sidna u hu għamel għalihom.


© 2020 Malta Bible Society.

15Dawn in-nies kienu twajbin ħafna magħna, u qatt ma ħabbtuna, u qatt ma
naqasna xejn sakemm konna niġġerrew magħhom meta konna fir-raba'.

16Huma kienu sur għalina billejl u binhar, iż-żmien kollu li konna nirgħu n-
nagħaġ magħhom.

17U issa kun af, u ara x'se tagħmel, għax ħsara hemm lesta għal sidna u għal daru
kollha, għax hu bniedem mill-agħar u ħadd ma jista' jkellmu."

18U Abigajl fittxet tiegħu mitejn ħobża, u żewġ żquq inbid, u ħames nagħġiet
imsajrin u ħames kejliet qamħ inkaljat, u mitt għanqud żbib, u mitejn ċappa tin
imqadded; u għabbiet kollox fuq il-ħmir.

19Imbagħad qalet lill-qaddejja tagħha: "Itilqu qabli u, araw, jien ġejja warajkom."
U ma qalet xejn lil żewġha Nabal.

20U ġara li hi u nieżla riekba fuq il-ħmar, minn taħt ir-riħ tal-għolja, tfaċċaw
David u n-nies tiegħu niżlin u resqin lejha, u hi ltaqgħet magħhom.

21U David kien qal: "Qisni għal xejn għassist ma' kulma kellu dan il-bniedem fid-
deżert, u ma naqaslu xejn minn ħwejġu, biex issa raddli l-ġid bid-deni.

22Dan u agħar jagħmilli Alla, jekk sa għada filgħodu jibqa' raġel wieħed biss minn
niesu."

23U malli Abigajl lemħet lil David, fittxet tinżel minnufih minn fuq il-ħmar, mielet
u ntefgħet wiċċha fl-art,

24u nxteħtet f'riġlejn David, u qaltlu: "Ħa nieħu l-ħtija fuqi waħdi, sidi; ħalli
titkellem il-qaddejja tiegħek f'widnejk, u isma' kliem il-qaddejja tiegħek.

25La tagħtix kas, sidi, ta' Nabal, dan raġel mill-agħar: ismu miegħu, Nabal, bla
moħħ, u bluha waħdu. U jiena, il-qaddejja tiegħek, ma rajtx iż-żgħażagħ ta' sidi,
li int bgħatt.

26U issa, sidi, daqs kemm hu ħaj il-Mulej u daqs kemm int ħaj int, il-Mulej ma
ħalliekx ixxerred id-demm u titħallas b'idejk; u ħa jkunu bħal Nabal l-għedewwa
tiegħek u kull min ifittex jagħmel id-deni lil sidi.

27U hawn dan il-ġid li ġiebet il-qaddejja tiegħek lil sidi, qassmu liż-żgħażagħ, li
qegħdin jimxu wara sidi.

28Aħfer dnub il-qaddejja tiegħek, għax il-Mulej għad jibni dar soda għal dejjem
lil sidi; għax qiegħed jiġġieled il-gwerer tal-Mulej, u l-għawġ ma jilħqekx għal
kemm iddum ħaj.

29U jekk iqum xi ħadd biex jagħmel għal warajk u jfittixlek ħajtek, il-Mulej, Alla
tiegħek, jerfa' l-ħajja ta' sidi fis-sorra tal-ħajja, u l-ħajja tal-għedewwa tiegħek
jarmiha bħallikieku ċagħka mill-keffa tal-iżbandola.


© 2020 Malta Bible Society.

30 Meta l-Mulej ikun għamel ma' sidi l-ġid kollu li wiegħdu, u jkun qiegħdek prinċep fuq Iżrael,

31 ma jkun qatt dan għalik ta' għali u xewka f'qalb sidi, li tkun xerridt id-demm għal xejn u tħallast b'idejk. Imbagħad meta l-Mulej ikun tak ir-risq, ftakar fil-qaddejja tiegħek."

32 U David qal lil Abigajl: "Imbierek il-Mulej, Alla ta' Iżrael, li bagħtek illum tiltaqa' miegħi.

33 Imbierek l-għaqal tiegħek, u mbierka int li ma ħallejtnix illum inxerred id-demm u nitħallas b'idejja.

34 Daqs kemm hu ħaj il-Mulej, Alla ta' Iżrael, li ma ħallinix nagħmillek deni, żgur li sa filgħodu ma kienx jibqa' raġel wieħed ħaj lil Nabal, kieku int ma ġejtx tgħaġġel tiltaqa' miegħi."

35 U David ħa minn idha kulma kienet ġibitlu, u qalilha: "Erġa' itla' bis-sliem lejn darek. Arani, smajt minn kliemek, u tajtek li tlabtni."

36 U Abigajl reġgħet lura għand Nabal; u dan kellu ikla f'daru, ikla ta' sultan, u qalb Nabal kienet ferħana, u kien f'sakra kbira. Hi ma għarrfitu b'xejn minn dan, u la ftit u la wisq, sa ma sebaħ l-għada.

37 Filgħodu, xħin Nabal għaddielu l-inbid, martu għarrfitu b'kollox, u qalbu kesħet u sar qisu ġebla.

38 U ġara li wara għaxart ijiem il-Mulej laqat lil Nabal, u dan miet.

39 U David sama' li miet Nabal u qal: "Imbierek il-Mulej, li għamel ħaqq minn Nabal talli għajjarni, u li żamm il-qaddej tiegħu milli jagħmel id-deni; u d-deni ta' Nabal il-Mulej dawru għal fuq rasu." U David imbagħad bagħat jgħid lil Abigajl biex jeħodha b'martu.

40 U l-qaddejja ta' David marru għand Abigajl fil-Karmel, u kellmuha, u qalulha: "David bagħatna għandek biex jieħdok b'martu."

41 U qamet u mielet b'wiċċha sal-art u qalet: "Hawn hi l-qaddejja tiegħek lesta biex taħsel riġlejn il-qaddejjiet ta' sidi."

42 U Abigajl għaġġlet u qamet, u rikbet fuq ħmar b'ħamsa mill-qaddejjiet tagħha mexjin warajha, u marret wara l-messaġġiera ta' David, u saret martu.

43 David kien iżżewweġ ukoll lil Aħinogħam minn Ġeżragħel, u t-tnejn kienu n-nisa tiegħu.

44 U Sawl kien ta lil bintu Mikal, il-mara ta' David, lil Palti bin Lajs, minn Gallim.

## 1 Samwel 26

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

### David jerġa' jiltaqa' ma' Sawl

1 U n-nies ta' Żif marru għand Sawl f'Gibgħa u qalulu: "Ara, David moħbi fl-għolja ta' Ħakila, biswit Ġesimon."

2 U Sawl qam u niżel lejn id-deżert ta' Żif, u miegħu ħa tlitt elef raġel magħżula minn Iżrael, ifittex lil David fid-deżert ta' Żif.

3 U Sawl waqqaf il-kamp fuq l-għolja ta' Ħakila, biswit Ġesimon, fuq in-naħa tat-triq, u David kien qiegħed fid-deżert, u ra li Sawl ġie għal warajh fid-deżert.

4 U David bagħat nies jitkixxfu, u sar jaf fejn kien wasal sewwa Sawl.

5 U qam David u ġie fil-post fejn kien waqqaf il-kamp u ra wkoll David fejn kienu jorqdu Sawl u Abner bin Ner, il-kap tal-eżerċtu tiegħu. U Sawl kien rieqed fin-nofs u n-nies tiegħu madwaru.

6 U David qabad u qal lil Aħimelek il-Ħitti u 'l Abisaj bin Seruja, ħu Ġowab, u qallu: "Min se jinżel miegħi ħdejn Sawl fil-kamp?" U Abisaj wieġeb u qal: "Ninżel miegħek jien."

7 U ġie David u Abisaj ħdejn l-eżerċtu billejl, u Sawl kien mimdud u rieqed f'nofs il-kamp, u l-lanza tiegħu kienet imwaħħla fl-art in-naħa ta' rasu; u Abner u n-nies tiegħu mimdudin madwaru.

8 U Abisaj qal lil David: "Illum il-Mulej reħa l-għadu tiegħu f'idejk, ħa nsammru mal-art b'daqqa waħda bil-lanza tiegħu stess, bla ma nagħtih oħra."

9 Imma David wieġeb lil Abisaj: "La toqtlux, għax min qatt medd idu fuq il-midluk tal-Mulej, u ħelisha?"

10 U ssokta jgħid: "Daqs kemm hu ħaj il-Mulej, il-Mulej biss jilħqu, jew jasal il-jum tiegħu u jmut, jew jinżel għall-gwerra u jinqered.

11 Iħarisni l-Mulej milli mmidd idi fuq il-midluk tal-Mulej! U issa aqbad il-lanza u l-ġarra tal-ilma minn ħdejn rasu, u ejja mmorru."

12 U David ħa l-lanza u l-ġarra tal-ilma minn ħdejn ras Sawl u telqu, bla ma ħadd rahom jew intebaħ, u bla ma ħadd stenbaħ, għax kollha kienu reqdin, u ngħas tqil waqa' fuqhom mingħand il-Mulej.

13 David imbagħad qasam għan-naħa l-oħra u qagħad fuq il-quċċata tal-għolja fil-bogħod, b'wisa' kbir bejniethom.

14 U David beda jgħajjat lill-poplu, u lil Abner bin Ner, u jgħidilhom: "Ma tweġibx Abner?" U Abner wieġeb u qal: "Min int biex tgħajjat lis-sultan?"

15 U David qal lil Abner: "Intix raġel int? Min hu bħalek f'Iżrael? Għaliex mela ma ħaristx lil sidek, is-sultan? Ma tafx li ġie wieħed min-nies biex joqtol is-sultan sidek?

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

16 Mhux sewwa dan li għamiltlu. Daqs kemm hu ħaj il-Mulej, żgur ħaqqkom il-mewt, intom li ma għassistux sewwa 'l sidkom, il-midluk tal-Mulej. U issa, ara fejn huma l-lanza tas-sultan u l-ġarra tal-ilma, li kienu ħdejn rasu?"

17 U Sawl għaraf leħen David u qal: "Dan mhux leħen ibni David?" U David wieġeb: "Leħni, sidi s-sultan."

18 U ssokta jgħid: "X'inhu dan li sidi qiegħed jiġri wara l-qaddej tiegħu? Għax x'għamilt jien u x'deni nista' nagħmel?

19 Ha jisma' s-sultan sidi, kliem il-qaddej tiegħu. Jekk il-Mulej qiegħed ixewxek kontra tiegħi, ħa jogħġbu s-sagrifiċċju; imma jekk inhuma bnedmin, misħuta huma quddiem il-Mulej, għax huma llum keċċewni u qatgħuni minn wirt il-Mulej u qaluli: 'Mur aqdi allat barranin.'

20 U issa tħallix li demmi jixtered fl-art, 'il bogħod minn wiċċ il-Mulej, għax is-sultan ta' Iżrael ħareġ ifittex bergħud bħalma jduru għal perniċa qalb il-muntanji."

21 U Sawl qal: "Ħtija tiegħi! Ejja lura, ibni David, m'iniex se nagħmillek iżjed deni, għax int illum għożżejt lil ħajti. Ara, jien tbellaht u żbaljajt bil-bosta."

22 U David wieġeb: "Hawn hi l-lanza tas-sultan, ħa jiġi 'l hawn wieħed mill-qaddejja u jeħodha.

23 Il-Mulej irodd lil kull wieħed skont il-ġustizzja tiegħu u l-lealtà tiegħu. Il-Mulej telqek f'idejja llum, imma jien ma ridtx immidd idejja fuq il-midluk tal-Mulej.

24 Ara! bħalma llum jien għożżejt lil ħajtek, hekk il-Mulej jgħożż lil ħajti u jeħlisni minn kull għawġ."

25 U Sawl wieġeb lil David: "Imbierek int ibni David, int għad tirnexxi f'kulma tagħmel, u jkollok setgħa kbira." U David telaq għal triqtu, u Sawl raġa' lura lejn postu.

## 1 Samwel 27

### David għand il-Filistin

1 U David qal f'qalbu: "Għad jasal jum meta ninqered b'idejn Sawl. M'hemmx aħjar milli naħrab f'art il-Filistin, u Sawl jaqta' qalbu minni, u ma jfittixnix iżjed f'art Iżrael, u hekk neħles minn idejh."

2 U David qam u għadda, hu u s-sitt mitt raġel li kellu miegħu, għal għand Akis bin Magħok, sultan ta' Gatt.

3 U David qagħad għand Akis f'Gatt, hu u n-nies tiegħu, kull wieħed bil-familja tiegħu; David u ż-żewġ nisa tiegħu, Aħinogħam il-Ġeżragħelija, u Abigajl, il-mara ta' Nabal mill-Karmel.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

4 U lil Sawl ħabbrulu li David ħarab lejn Gatt; u ma baqax ifittxu aktar.

5 U David qal lil Akis: "Jekk jien sibt ħniena f'għajnejk, agħtini post f'waħda mill-ibliet fir-raba' u ngħammar hemm. Għaliex għandu l-qaddej tiegħek jgħammar f'belt is-sultan miegħek?"

6 U Akis tah dakinhar Siklag. Għalhekk Siklag saret ta' David u baqgħet tas-slaten ta' Ġuda sa llum.

7 Iż-żmien li David għadda f'art il-Filistin laħaq sena u erba' xhur.

8 David u n-nies tiegħu kienu jitilgħu u jaħbtu għall-Gesurin, għall-Girżin u għall-Għamalekin, għax dawn in-nies kienu jgħammru minn dejjem fl-art int u sejjer Sur, sal-art tal-Eġittu.

9 U David kien jaħbat għalihom u ma kienx iħalli ħaj raġel jew mara; u kien jieħu u jaqbad f'idejh imrieħel u baqar, ħmir u iġmla u lbies, u kien jerġa' lura għand Akis.

10 U Akis kien jistaqsih: "Fejn mortu taħbtu llum?" U David kien iwieġeb: "Lejn in-Negeb ta' Ġuda, lejn in-Negeb ta' Ġeraħmelin, u lejn in-Negeb tal-Kenin."

11 U David ma kien iħalli 'l ħadd ħaj, la raġel u anqas mara, biex iġibhom f'Gatt għax kien jgħid: "Li ma jmorrux jixluna u jgħidu: 'Hekk kien jagħmlilna David.' " U din kienet id-drawwa tiegħu sakemm dam jgħammar fir-raba' tal-Filistin.

12 U Akis kien jemmen f'David u jgħid: "Niesu umbrawh f'Iżrael; u issa jibqa' qaddej tiegħi għal dejjem."

## 1 Samwel 28

1 U ġara li f'dak iż-żmien il-Filistin ġemgħu l-eżerċtu tagħhom biex jaħbtu għall-Iżraelin. U Akis qal lil David: "Kun af li int tiġi miegħi fil-kamp, int u n-nies tiegħek."

2 U David wieġeb lil Akis: "Tajjeb, issa tkun taf x'jista' jagħmel il-qaddej tiegħek." U Akis qallu: "U jien nagħmlek għassies tiegħi għal dejjem."

### Sawl u s-saħħara ta' Għajn-dor

3 Samwel kien miet, u kien bkieh Iżrael kollu, u difnuh fil-belt tiegħu ta' Rama. U Sawl kien keċċa 'l barra mill-pajjiż lil dawk kollha li kienu jsejħu l-erwieħ u jeħbru, u s-saħħara.

4 U l-Filistin inġabru u marru jwaqqfu l-kamp f'Sunem; u Sawl ġabar lil Iżrael kollu u waqqfu l-kamp f'Gilbogħa.

5 U Sawl ra l-kamp tal-Filistin u beża' u qalbu bdiet tħabbat bil-qawwi.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

6U Sawl stħarreġ lill-Mulej, imma l-Mulej ma weġbux, la bil-ħolm, la bl-Urim u
anqas bil-profeti.

7U Sawl qal lill-qaddejja tiegħu: "Fittxuli mara li tqajjem l-erwieħ, u mmur
għandha, u nistħarriġha." Il-qaddejja tiegħu weġbuh: "Ara, hemm mara li tqajjem
l-erwieħ f'Għajn-dor."

8U Sawl biddel ħwejġu u libes ilbies ieħor, u mar flimkien ma' żewġt irġiel oħra,
u ġie għand il-mara billejl u qalilha: "Staqsi l-erwieħ u għidli xortija, u sejjaħ lil
min se ngħidlek."

9U l-mara weġbitu: "Ara, inti taf x'għamel Sawl, li qaċċat mill-pajjiż lil dawk
kollha li jeħbru bl-erwieħ u s-saħħara; għaliex trid issa tonsobli ħajti? Biex
joqtluni?"

10U Sawl ħalfilha bil-Mulej u qalilha: "Daqs kemm hu ħaj il-Mulej, ma tiġrilek
ebda ħsara minħabba dan."

11U l-mara qaltlu: "Lil min se nqajjimlek?" U hu weġibha: "Qajjimli lil Samwel."

12Malli l-mara lemħet lil Samwel infexxet f'għajta kbira u qalet lil Sawl: "Għax
qarraqt bija? Int Sawl."

13U s-sultan qalilha: "La tibżax, imma għidli x'rajt." U l-mara qalet lil Sawl: "Rajt
alla tiela' mill-art."

14U staqsieha: "X'sura għandu?" U hi wieġbet: "Raġel xiħ tiela', imkebbeb
f'mantar." Sawl għaraf li kien Samwel, u niżżel wiċċu sal-art, u tah qima.

15U Samwel qal lil Sawl: "Għalfejn qgħadt taqlagħni u tellajtni hawn?" U Sawl
wieġeb: "Għandi dwejjaq kbar; il-Filistin għamluli gwerra, u Alla tbiegħed minni,
u ma jweġibnix, la bil-profeti u lanqas bil-ħolm. Għalhekk jien sejjaħtlek, biex
tgħarrafni x'għandi nagħmel."

16U Samwel wieġeb: "Għalfejn tistaqsini, la darba l-Mulej tbiegħed minnek, u sar
l-għadu tiegħek?

17Il-Mulej għamel miegħek kif kien tkellem permezz tiegħi, u ħataflek minn idek
is-saltna, u taha lil David sieħbek.

18Għaliex int ma smajtx mill-kelma tal-Mulej, u ma għamiltx lil Għamalek skont
ma ried hu fil-qilla tiegħu. Għalhekk għamillek dan il-Mulej illum.

19U l-Mulej jerħi wkoll lil Iżrael miegħek f'idejn il-Filistin, u għada int u wliedek
tkunu miegħi; u l-kamp ukoll ta' Iżrael jerħih il-Mulej f'idejn il-Filistin."

20Minnufih Sawl waqa' minn tulu fl-art u qabdu biża' kbir minħabba kliem
Samwel; ma baqgħetlu ebda saħħa, għax ma kienx daq ħobż dak in-nhar u dak
il-lejl kollu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

21U l-mara ġriet għal ħdejn Sawl u malli ratu daqshekk imħawwad qaltlu: "Ara, il-qaddejja tiegħek semgħet minn kliemek u lagħbet ħajjitha f'idha; smajt mill-kliem li int għedtli.

22Mela, isma' issa int minn kliem il-qaddejja tiegħek, ħa nqegħedlek quddiemek kisra ħobż, kul biex tieħu saħħtek u tkun tiflaħ taqbad triqtek."

23Iżda hu ma riedx, u qalilha: "Ma nikolx." Imma l-qaddejja tiegħu u l-mara bdew isusu warajh sakemm sama' minnhom; u qam mill-art u nxteħet fuq sodda.

24U l-mara kellha għoġol imsemmen u qatlitu malajr, ħadet id-dqiq, għaġnitu, u għamlitu ftajjar, u ħmietu bla ħmira.

25U ġiebet kollox quddiem Sawl u l-qaddejja tiegħu, u kielu. U qamu u telqu dak il-lejl stess.

## 1 Samwel 29

### Il-Filistin iwarrbu lil David

1U l-Filistin ġemgħu l-eżerċtu kollu f'Afek; u Iżrael waqqfu l-kamp ħdejn għajn f'Ġeżragħel.

2Il-kbarat tal-Filistin kienu miexja f'ras ta' mijiet u eluf; u David u n-nies tiegħu kienu miexja warajhom ma' Akis.

3U l-kbarat tal-Filistin qalu: "X'ġew jagħmlu hawn dawn l-Għebrej?" U Akis wieġeb lill-kbarat tal-Filistin: "Dan hu David il-qaddej ta' Sawl, is-sultan ta' Iżrael, li ilu miegħi xi sena jew tnejn, u sa llum m'għandi xejn x'ingħid fih minn mindu sab ruħu għandi."

4Imma l-kbarat tal-Filistin inkurlaw għalih u qalulu: "Ibgħat lura lil dan il-bniedem ħa jmur joqgħod f'postu, fejn tajtu joqgħod int. Ma għandux jinżel magħna għall-gwerra, li ma jdurx kontrina fit-taqbida; u biex jingħoġob ma' sidu, jekk mhux bl-irjus ta' dawn in-nies?

5Dan mhux David li kienu jiżfnulu u jgħannulu: 'L-eluf tiegħu qatel Sawl, u David l-għaxriet tal-eluf tiegħu'?"

6Għalhekk Akis sejjaħ lil David u qallu: "Daqs kemm hu ħaj il-Mulej: Int raġel sewwa u togħġobni dieħel u ħiereġ miegħi fil-kamp tiegħi, u qatt ma sibt xejn ħażin fik minn mindu ġejt għandi sal-lum. Imma l-kbarat tal-Filistin ma jġibukx, u mhumiex jarawk sabiħ.

7Għalhekk erġa' lura bis-sliem, biex ma toffendix il-kbarat tal-Filistin."

8U David wieġeb lil Akis: "Imma x'għamilt jien? U int x'sibt ħażin fil-qaddej tiegħek minn mindu ġejt miegħek sal-lum, biex ma niġix nitqabad mal-għedewwa ta' sidi s-sultan?"


© 2020 Malta Bible Society.

9Akis wieġbu u qallu: "Naf li int raġel sewwa u togħġobni daqs anġlu ta' Alla. Imma l-kbarat tal-Filistin qalu: 'Ma jitlax magħna għall-ġlied.'

10Għalhekk bakkar għada filgħodu, int u l-qaddejja ta' sidek, li ġew miegħek, imbagħad morru lejn il-post li tajtkom tgħammru fih."

11U David bakkar filgħodu kmieni, hu u n-nies tiegħu, biex jitilqu u jerġgħu lura lejn art il-Filistin. U l-Filistin telgħu Ġeżragħel.

## 1 Samwel 30

### David u l-Għamalekin

1Meta David u n-nies tiegħu waslu f' Siklag fit-tielet jum, Għamalek kienu daħlu fin-Negeb u f'Siklag, u ħabtu għal Siklag u tawha n-nar.

2U ħadu lsiera n-nisa li kienu fiha, kbar u żgħar, bla ma qatlu lil ħadd minnhom; ġarrewhom magħhom u baqgħu sejrin għal triqthom.

3U David u n-nies tiegħu waslu l-belt u sabuha ħuġġieġa nar, u n-nisa tagħhom u wliedhom, subien u bniet, meħuda lsiera.

4U David u n-nies tiegħu għollew leħenhom u bkew, sakemm ma felħux jibku aktar.

5Iż-żewġ nisa ta' David - Aħinogħam il-Ġiżragħelija u Abigajl mart Nabal, il-Karmeli - kienu waqgħu lsiera.

6David sab ruħu f'diqa kbira għax il-poplu qal li jrid iħaġġru; għax ilkoll kellhom qalbhom sewda bl-imrar, kull wieħed għas-subien u għall-bniet tiegħu. Imma David qawwa qalbu fil-Mulej, Alla tiegħu.

7U David qal lil Abjatar, il-qassis, bin Aħimelek: "Ġibli l-efod." U Abjatar ġieb l-efod lil David.

8U David staqsa lill-Mulej u qal: "Nitlaq għal wara din il-qatgħa ħallelin? Nilħaqhom?" U wieġbu: "Itlaq għal warajhom, għax tilħaqhom żgur, u teħles lil kulħadd."

9U David telaq, hu u sitt mitt raġel li kienu miegħu, u waslu sal-wied ta' Besor, u waqfu hemm għax kienu għajjenin.

10U David baqa' sejjer b'erba' mitt raġel; u l-mitejn l-oħra, li kienu għajjenin u ma setgħux jaqsmu l-wied ta' Besor, baqgħu hemm.

11U sabu raġel Eġizzjan fir-raba', u ħaduh quddiem David, u tawh ħobż x'jiekol u kiel, u ilma x'jixrob.

12Tawh ukoll ċappa tin imqadded u żewġ għenieqed żbib; kiel u ħa r-ruħ; għax kien ilu ma jiekol ħobż u jixrob ilma tlitt ijiem u tlitt iljieli.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

13U David qallu: "Ta' min int? Mnejn ġej?" U dak wieġbu: "Jien żagħżugħ Eġizzjan,
ilsir ta' wieħed minn Għamalek, abbandunat minn sidi għax imradt tlitt ijiem ilu.

14Aħna dħalna fin-Negeb tal-Keretin u ta' art Ġuda, u n-Negeb ta' Kaleb, u 'l Siklag
tajnieha n-nar."

15U David qallu: "Tista' twassalni ħdejn din il-qabda nies?" U dak wieġbu: "Aħlifli
b'Alla li ma toqtolnix, u li ma terħinix f'idejn sidi, u nwasslek sa ħdejn din il-
qabda nies."

16U wasslu u raw lill-Għamalekin imxerrda ma' wiċċ l-art, jieklu u jixorbu u
jagħmlu festa b'dik il-priża kbira li kienu qabdu mill-art tal-Filistin u mill-art ta'
Ġuda.

17U David qabeż fuqhom u tahom xebgħa minn tbexbix il-jum sal-għada
filgħaxija, u ma ħelisha ebda wieħed minnhom, ħlief erba' mitt żgħażagħ li rikbu
l-iġmla u ħarbu.

18B'hekk David ħadilhom lura kulma kienu qabdu l-Għamalekin, u ħeles ukoll iż-
żewġ nisa tiegħu.

19U ma ħallielhom xejn, mill-kbir saż-żgħir, bniet u subien, il-priża u kulma kienu
ħadu għalihom: kollox ħadilhom lura David.

20Hadu l-imrieħel u l-baqar kollha u saquhom quddiem u qalu: "Din hi l-priża ta'
David."

21Imbagħad David mar ħdejn dawk il-mitejn raġel li ma kinux felħu jmorru
warajh, u li kien ħalliehom fil-wied ta' Besor. Huma ħarġu jilqgħu lil David u n-
nies li kellu miegħu. David resaq lejhom u sellmilhom.

22Imma xi wħud minn dawk li marru ma' David, nies ħżiena u mill-agħar, qabżu
u qalu: "La darba dawn ma ġewx magħna, ma nagħtuhom xejn mill-priża li ħadna
lura; kull wieħed jieħu 'l martu u lil uliedu, u jitilqu."

23Imma David wieġeb: "Dan ma tagħmluh qatt, ħuti, meta tqisu x'tana l-Mulej, li
ħarisna u tana f'idejna dik il-qabda ħallelin li ġew għalina.

24U min se jisma' minnkom f'ħaġa bħal din? Sehem wieħed jieħdu, sew dawk li
niżlu għall-ġlied u sew dawk li qagħdu jgħassu ma' ħwejjiġna."

25U minn dakinhar 'il quddiem din għamilha liġi u drawwa għal Iżrael sal-lum.

26U David ġie f'Siklag u bagħat sehem mill-priża lix-xjuħ ta' Ġuda u lil ħbiebu u
qalilhom: "Dan hu r-rigal għalikom mill-priża tal-għedewwa tal-Mulej."

27U bagħat lil dawk ta' Betel, lil dawk ta' Ramot-negeb, lil dawk ta' Ġattir,

28lil dawk ta' Għarogħer, lil dawk ta' Xifmot, lil dawk ta' Estemugħa,


© 2020 Malta Bible Society.

29lil dawk ta' Rakal, u lil dawk tal-ibliet tal-Ġeraħmelin, u lil dawk tal-ibliet tal-Kenin,

30lil dawk ta' Horma, lil dawk ta' Bur-għasan, u lil dawk ta' Għatak,

31u lil dawk ta' Hebron, u lil dawk l-imkejjen kollha li David kien għadda minnhom, hu u n-nies tiegħu.

## 1 Samwel 31

### Il-mewt ta' Sawl

1U l-Filistin ħabtu għal Iżrael u n-nies ta' Iżrael ħarbu minn quddiem il-Filistin, u waqgħu mejta fuq il-muntanja ta' Gilbogħa.

2Imbagħad il-Filistin għamlu għal wara Sawl u wliedu u qatlu lil Ġonatan, lil Abinadab, u lil Malkisugħa, ulied Sawl.

3Imbagħad it-taqbida ħraxet madwar Sawl, u laħquh l-arċieri u darbuh kemm-il darba.

4U Sawl qal lill-iskudier tiegħu: "Islet ix-xabla u infidni biha, li ma jiġux dawn in-nies bla ħtin u jinfduni huma u jiddieħku bija." L-iskudier ma ssugrax għax beża' ħafna. U Sawl qabad ix-xabla u nxteħet fuqha.

5Malli l-iskudier ra 'l Sawl mejjet, inxteħet hu wkoll fuq ix-xabla tiegħu, u miet miegħu.

6Hekk miet Sawl u t-tliet uliedu u l-iskudier tiegħu, u n-nies kollha li kienu miegħu dak in-nhar.

7U n-nies ta' Iżrael li kienu jgħammru n-naħa l-oħra tal-wied u 'l hemm mill-Ġordan, malli raw li ħarbu l-Iżraelin u li mietu Sawl u wliedu, telqu l-ibliet tagħhom u ħarbu, u ġew jgħammru fihom il-Filistin.

8U ġara li l-għada ġew il-Filistin ineżżgħu l-maqtulin. U sabu lil Sawl u lit-tliet uliedu mixħutin mejtin fuq il-muntanja ta' Gilbogħa.

9Qatgħulu rasu u neżżgħuh mill-armi, u bagħtu messaġġiera f'art il-Filistin tal-inħawi biex jagħtu l-aħbar lid-dar tal-allat tagħhom u lill-poplu.

10L-armi li kellu qegħduhom fit-tempju ta' Għastarot, u l-katavru tiegħu dendluh mal-ħitan ta' Betsan.

11Meta semgħu n-nies ta' Ġabes-gilgħad b'dak li kienu għamlu lil Sawl il-Filistin,

12qamu rġiel ta' ħila, imxew il-lejl kollu, ħadu l-katavru ta' Sawl u t-tliet uliedu minn mal-ħajt ta' Betsan; imbagħad marru Ġabes u ħarquhom hemm.

13U mbagħad ħadu għadamhom u difnuh f'Ġabes taħt it-tamarisk, u samu għal sebat ijiem.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

## 2 Samwel 1

### L-aħbar tal-mewt ta’ Sawl

1Ġara li wara l-mewt ta’ Sawl, David raġa’ lura mit-taqtigħa mal-Għamalekin, u
kien ilu jumejn f’Siklag.

2Fit-tielet jum ġie raġel mill-kamp minn ħdejn Sawl bi ħwejġu mċarrta u t-trab
fuq rasu. Kif wasal quddiem David, intafa’ wiċċu fl-art u sellimlu.

3U David staqsieh: “Mnejn ġej?” u dak wieġbu: “Ħrabt mill-kamp ta’ Iżrael.”

4U David qallu: “X’aħbarijiet għandek minn hemm? Għidli, isa!” U wieġbu: “Il-
poplu ħarab mit-taqbida, ħafna minnhom waqgħu u mietu; u mietu wkoll Sawl
u Ġonatan, ibnu.”

5U David qal liż-żagħżugħ li tah l-aħbar: “Kif taf li mietu Sawl u ibnu Ġonatan?”

6U wieġbu ż-żagħżugħ li wassallu l-aħbar: “Inzertajt kont fuq l-għolja ta’
Gilbogħa, u nara lil Sawl jitwieżen fuq il-lanza, u l-karrijiet u r-rikkieba jrossu
fuqu;

7u hu ħares lura, lemaħni u sejjaħli; u jien weġibtu: ‘Hawn jien.’

8U qalli: ‘Min int?’ u jien għedtlu: ‘Jien minn Għamalek.’

9U hu qalli: ‘Ersaq lejja u oqtolni. Għadni ħaj; imma qabadni l-biża’ tal-mewt.’

10U jien ersaqt lejh u qtiltu. Għax rajt li ma kienx se jgħix wara dik it-telfa tiegħu.
U qbadt il-kuruna minn fuq rasu u d-dwawar minn fuq driegħu, u ġibthom lilek,
Sidi.”

11Iżda David qabad u ċarrat ħwejġu, u hekk għamlu wkoll in-nies li kellu miegħu.

12U bdew inewħu u jibku, u samu sa filgħaxija għal Sawl, u għal ibnu Ġonatan, u
għall-poplu tal-Mulej, u għad-dar ta’ Iżrael, għax kienu nqerdu bix-xabla.

13U David imbagħad qal liż-żagħżugħ li kien tah l-aħbar: “Mnejn int?” u wieġbu:
“Jien bin raġel barrani, minn Għamalek.”

14U qallu David: “Ma bżajtx tmidd idek biex toqtol il-midluk tal-Mulej?”

15U David sejjaħ lil wieħed miż-żgħażagħ u qallu: “Ersaq u ntafa’ fuqu.” U
mbagħad darbu u miet.

16U David qallu: “Demmek fuq rasek, għaliex fommok stess xehed kontrik meta
għedt: ‘Qtilt il-midluk tal-Mulej.’ ”

### Il-lamentazzjoni ta’ David

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

17U David beka u għanna din il-lamentazzjoni għal Sawl u għal Ġonatan, ibnu,

18u ordna li jgħallmuha lil ulied Ġuda; u tinsab miktuba fi Ktieb il-Ġust:

19"Kif intemm ġmielek, Iżrael, fuq l-għoljiet! Kif waqgħu l-qalbenin!

20La tħabbru xejn f'Gatt, la xxandruhiex fl-imsieraħ ta' Askalon; li ma jimtlewx bil-ferħ it-tfajliet tal-Filistin, li ma jaqbżux bil-ferħ ix-xbejbiet tan-nies bla ħtin.

21Ja għoljiet ta' Gilbogħa, la nida u la xita ma jinżlu fuqkom, la raba' għammiel ma jkun fikom. Hemm ġiet fil-għajb it-tarka tal-qalbenin, it-tarka ta' Sawl, li ma ndilkitx biż-żejt.

22Mid-demm tal-maqtulin, mix-xaħam tal-qalbenin, il-qaws ta' Ġonatan qatt lura ma raġa'; ix-xabla ta' Sawl qatt ma reġgħet fiergħa.

23Sawl u Ġonatan, dħulin u maħbubin, ma nfirdux la f'ħajjithom, la f'mewthom. Eħfef mill-ajkli, aqwa mill-iljuni!

24Xbejbiet ta' Iżrael, ibku lil Sawl; libbiskom bil-kreżmi u l-brukkat, żejnilkom ilbieskom bid-deheb!

25Kif waqgħu l-qalbenin, waqgħu fil-ġlied! Ġonatan fuq għoljietek maqtul.

26Jien imgħolli għalik, Ġonatan ħija, l-għożża tiegħi u l-għaxqa għalija! Imħabbtek għalija egħżeż minn imħabbet in-nisa!

27Kif waqgħu l-qalbenin; u ntilef tagħmir il-ħarb!"

## 2 Samwel 2

### David sultan f'Ħebron

1Wara dawn il-ġrajja David staqsa lill-Mulej u qallu: "Nitla' jien f'waħda mill-ibliet ta' Ġuda!" U l-Mulej wieġbu: "Itla'." U David issokta: "Fejn nitla'?" U wieġbu: "F'Ħebron."

2U David tela' hemm, hu u ż-żewġ nisa tiegħu, Aħinogħam il-Ġeżragħelija, u Abigajl, mart Nabal il-Karmeli.

3David ħa miegħu wkoll in-nies li kienu ngħaqdu miegħu bil-familji tagħhom, u nġabru fl-ibliet ta' Hebron.

4U ġew in-nies ta' Ġuda, u hemm dilku 'l David sultan fuq id-dar ta' Ġuda. U għarrfu lil David u qalulu: "In-nies ta' Ġabes-gilgħad difnu lil Sawl."

5U David bagħat messaġġiera f'Ġabes-gilgħad u qalilhom: "Imberkin intom mill-Mulej, għax għamiltu din il-ħniena ma' sidkom Sawl u dfintuh.

6U issa jagħmel il-Mulej il-ħniena u s-sewwa magħkom, u jien min-naħa tiegħi nagħmlilkom il-ġid, la darba għamiltu hekk.


© 2020 Malta Bible Society.

7U issa ħa jissaħħu dirgħajkom u kunu nies ta' ħila; sidkom Sawl miet, imma d-
dar ta' Ġuda dilkuni sultan fuqha."

### Il-ġlied bejn David u dar Sawl

8Abner bin Ner, li kien il-kmandant tal-eżerċtu ta' Sawl, qabad lil Isboset bin
Sawl, u ħadu f'Maħanajm,

9u hemm għamlu sultan fuq Gilgħad, fuq l-Asurin, fuq Ġeżragħel, fuq Efrajm, fuq
Benjamin, u fuq Iżrael kollu.

10U Isboset bin Sawl kellu erbgħin sena meta sar sultan fuq Iżrael, u dam isaltan
sentejn. Dar Ġuda biss baqgħet ma' David.

11Seba' snin u sitt xhur dam David isaltan fuq dar Ġuda f'Ħebron.

12Abner bin Ner ħareġ bil-qaddejja ta' Isboset bin Sawl, minn Maħanajm lejn
Gibgħon.

13U ħareġ ukoll Ġowab bin Seruja bil-qaddejja ta' David, u ltaqgħu flimkien ħdejn
il-menqgħa ta' Gibgħon; u dawn qagħdu fuq naħa, u dawk fuq oħra.

14U Abner qal lil Ġowab: "Ha joħorġu għan-nofs iż-żgħażagħ u jitqabdu
quddiemna." U Ġowab wieġeb: "Ha joħorġu!"

15U ħarġu bl-għadd: tnax mit-tribù ta' Benjamin min-naħa ta' Isboset bin Sawl, u
tnax mill-qaddejja ta' David.

16Kull wieħed qabad ras sieħbu u nifdu f'ġenbu b'sejfu, u waqgħu lkoll f'waqt
wieħed. U semmew dak il-post Helkat-ħassurim li tinsab f'Gibgħon.

17U kien hemm taqtigħa qalila sewwa dakinhar, u Abner u n-nies ta' Iżrael kienu
megħluba minn David u n-nies tiegħu.

18Kienu hemm it-tliet ulied ta' Seruja: Ġowab, Abisaj u Għaxajel; u Għaxajel kien
ħafif f'riġlejh daqs għażżiela tax-xagħri.

19U Għaxajel baqa' jiġri dritt wara Abner, bla ma jikser lejn ix-xellug jew lejn il-
lemin.

20U Abner dar lejh u qallu: "Huwa int, Għaxajel?" U dak wieġbu: "Jien."

21U Abner qallu: "Dur lejn ix-xellug jew lejn il-lemin, aqbad f'wieħed miż-
żgħażagħ, u ħudlu ħżiemu." U Għaxajel ma riedx iwarrab minn warajh.

22U Abner issokta jgħid lil Għaxajel: "Żul minn warajja, li ma nonxrokx fl-art, u
mbagħad kif inkun nista' nerfa' wiċċi quddiem ħuk Ġowab?"

23U hu ma riedx iwarrab, u Abner darbu b'tarf il-lanza f'żaqqu, u l-lanza ħarġet
minn dahru u baqa' mejjet fl-art. U kull min kien jgħaddi minn fejn kien waqa'
Għaxajel u miet, kien jibqa' ċċassat.


© 2020 Malta Bible Society.

24Imma Ġowab u Abisaj telqulha għal wara Abner, u għall-ħabta ta' nżul ix-xemx waslu ħdejn l-għolja ta' Amma, li tinsab biswit Ġijaħ fuq it-triq li tieħu għad-deżert ta' Gibgħon.

25U n-nies ta' Benjamin inġemgħu madwar Abner, u ngħaqdu bejniethom, u ħadu posthom fuq il-quċċata tal-għolja.

26U Abner sejjaħ lil Ġowab u qallu: "Se tibqa' x-xabla sejra bil-qerda għal dejjem? Jaqaw ma tafx li fl-aħħar ikun hemm l-imrar? Kemm se ddum ma tgħid lill-poplu li ma jibqgħux jiġru wara ħuthom?"

27U Ġowab qal: "Daqs kemm hu ħaj Alla, li kieku ma tkellimtx int, il-poplu kollu kien jibqa' sejjer wara ħuthom sa għada filgħodu."

28U Ġowab daqq il-kornu u l-poplu waqaf, u ma baqax jiġri wara Iżrael, u ma ssuktawx aktar jitqabdu bejniethom.

29Abner u n-nies tiegħu baqgħu sejrin lejn l-Għaraba l-lejl kollu, qasmu l-Ġordan, u baqgħu miexja filgħodu kollu sa ma waslu Maħanajm.

30Ġowab imbagħad raġa' lura minn wara Abner u ġama' n-nies kollha; u nqerdu min-nies ta' David dsatax-il raġel u Għaxajel.

31U n-nies ta' David qatlu mit-tribù ta' Benjamin u min-nies ta' Abner tliet mija u sittin ruħ.

32U ġarrew lil Għaxajel u difnuh f'qabar missieru f'Betlehem. U Ġowab u n-nies tiegħu baqgħu jterrqu l-lejl kollu, u mas-sebħ waslu Ħebron.

## 2 Samwel 3

### David f'Ħebron

1Il-ġlied bejn dar Sawl u dar David dam sejjer żmien twil. David baqa' jissaħħaħ dejjem, u dar Sawl baqgħet sejra dejjem għall-agħar.

2U 'l David tweldulu dawn is-subien f'Ħebron: Amnon, il-kbir tiegħu, minn Aħinogħam il-Ġeżragħelija;

3it-tieni Kilab minn Abigajl, mart Nabal mill-Karmel; it-tielet Absalom bin Magħka, bint Tolmaj, sultan ta' Gesur;

4ir-raba' Adonija bin Haggit; il-ħames Sefatija bin Abital;

5is-sitt wieħed Itrigħam minn Għegla, mart David. Dawn twieldu lkoll f'Ħebron lil David.

### Abner u David

6Il-gwerra bejn id-dar ta' Sawl u d-dar ta' David ħadet fit-tul; u Abner baqa' jissaħħaħ fuq dar Sawl.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

7Sawl kellu konkubina jisimha Risfa bint Ajja. U Isboset qal lil Abner: "Għaliex
ersaqt lejn il-konkubina ta' missieri?"

8Abner inkorla bis-sħiħ għal li qallu Isboset, u qallu: "Jaqaw ħsibtni ras ta' xi kelb
ta' Ġuda? Sal-lum kont fidil lejn id-dar ta' Sawl missierek, lejn ħutu u ħbiebu, u
ma tlaqtekx f'idejn David. U issa tiġi tgħajjarni b'din il-mara!

9Hekk jagħmel Alla lil Abner u aktar, jekk ma nagħmilx lil David dak li ħaliflu l-
Mulej:

10jiġifieri li neħħi s-saltna minn dar Sawl, u li nsaħħaħ it-tron ta' David fuq
Iżrael u Ġuda minn Dan sa Birsaba."

11U dak ma setax iwieġeb kelma waħda lil Abner, għax kien jibża' minnu.

12U Abner bagħat malajr messaġġiera għand David jgħidulu: "Ta' min hi l-art?
Agħmel patt miegħi u, ara, jiena ngħinek, biex indawwar lejk lil Iżrael kollu."

13U David wieġbu: "Tajjeb! Jien nagħmel patt miegħek. Ħaġa waħda nitolbok u
ngħidlek: tidhirx quddiem wiċċi jekk qabel ma ġġiblix quddiemi lil Mikal bint
Sawl, meta tiġi tarani."

14U David bagħat messaġġiera għand Isboset bin Sawl, jgħidulu: "Agħtini 'l marti
Mikal li jiena kont tgħarrast magħha bil-prezz ta' mitt ħliefa tal-Filistin."

15U Isboset ħadha mingħand żewġha, Paltijel bin Lajs, u bagħatha lil David.

16U żewġha wassalha sa Baħurim, jimxi u jibki warajha. U Abner qallu: "Mur u
erġa' lura!" U dak raġa' lura.

17Abner imbagħad kellem lix-xjuħ ta' Iżrael u qalilhom: "Issa ilkom żmien tfittxu
li David isaltan fuqkom.

18Mela qumu, agħmlu li għandkom tagħmlu, la darba l-Mulej kellem lil David, u
qallu: 'Bis-saħħa ta' David, qaddej tiegħi, jien nifdi l-poplu tiegħi ta' Iżrael minn
id il-Filistin u minn id l-għedewwa kollha tagħhom.' "

19U Abner issokta jkellem ukoll lid-dar ta' Benjamin, u mar ikellem ukoll lil David
f'Hebron, u jgħidlu kulma kien jogħġob lil Iżrael u d-dar ta' Benjamin.

20U Abner mar għand David f'Hebron u miegħu kellu għoxrin raġel. U lil Abner u
n-nies li kellu miegħu David tahom ikla kbira.

21U Abner qal lil David: "Se nqum u mmur niġbor quddiemek, sidi s-sultan, lil
Iżrael kollu biex jagħmlu patt miegħek u int issaltan fuq kollox skont ma tixtieq
qalbek!" U David ħallieh imur bis-sliem.

22Dak il-ħin waslu n-nies ta' David u Ġowab minn assalt, u ġiebu magħhom priża
kbira. Abner ma kienx f'Hebron ma' David, għax dan kien ħallieh imur bis-sliem.


© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

23Malli Ġowab u l-qtajja' kollha li kellu miegħu waslu, in-nies ħabbru lil Ġowab
u qalulu: "Ġie Abner bin Ner għand is-sultan, u s-sultan ħallieh imur bis-sliem."

24U Ġowab mar għand is-sultan u qallu: "X'għamilt? Ara, Abner ġie għandek.
Għax ħallejtu jmur bis-sliem?

25Ma tafux lil Abner bin Ner? Li dak ġie biex iqarraq bik? Biex jitkixxef dħulek u
ħruġek, u x'tagħmel u x'ma tagħmilx?"

26U Ġowab ħareġ minn quddiem David u bagħat messaġġiera wara Abner, u
ġagħluh jerġa' lura mill-bir ta' Sira, bla ma kien jaf David.

27Malli Abner raġa' lura f'Hebron, Ġowab warrbu f'nofs ta' bieb biex ikellmu bil-
kwiet waħdu, u hemm darbu f'żaqqu, u miet. U hekk Ġowab tħallas tad-demm
ta' ħuh Għaxajel.

28Imbagħad sama' David b'dan u qal: "Bla ħtija jien u saltnati mid-demm ta'
Abner bin Ner quddiem il-Mulej għal dejjem.

29Jalla jaqa' dan id-demm fuq Ġowab u d-dar kollha ta' missieru! Jalla ma jonqos
qatt minn daru l-mard bl-inxija tad-demm jew bil-ġdiem, min jistrieħ fuq il-
ħatar, min imut bix-xabla, jew jittallab il-ħobż."

30Ġowab u ħuh Abisaj qatlu lil Abner, talli kien qatel lil ħuhom Għaxajel
f'Gibgħon waqt it-taqtigħa.

31U David qal lil Ġowab u lin-nies li kienu miegħu: "ċarrtu lbieskom, u ilbsu x-
xkejjer, u ixhru għal Abner." U s-sultan David mexa wara t-tebut.

32U difnu lil Abner f'Hebron; u s-sultan għolla leħnu u beka fuq il-qabar ta'
Abner; u miegħu beka l-poplu kollu.

33U s-sultan għanna din il-lamentazzjoni għal Abner: "Hekk kellu jmut Abner
bħalma jmut l-iblah?

34Idejk ma kinux marbutin; anqas riġlejk bil-qajd! Bħalma jaqa' wieħed quddiem
il-ħżiena, hekk int waqajt." U ssokta jibkih il-poplu kollu.

35U kulħadd ġie jħajjar lil David biex jiekol meta kien għadu binhar; imma David
ħalef u qal: "Dan jagħmilli Alla u iżjed, jekk induq il-ħobż jew xi ħaġa oħra qabel
ma tgħib ix-xemx."

36U l-poplu kollu sar jaf b'dan, u kien jogħġbu kulma kien jagħmel is-sultan.

37U l-poplu kollu, saħansitra Iżrael kollu, intebaħ dakinhar li ma kienx is-sultan
li qatel lil Abner bin Ner.

38U s-sultan qal lill-qaddejja tiegħu: "Ma tafux li prinċep u raġel kbir waqa' llum
f'Iżrael?

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

39Għad li jien midluk sultan iddgħajjift illum: dawn in-nies, ulied Seruja, huma
eqlel minni. U jħallas il-Mulej id-deni lil min jagħmel id-deni, skont il-ħsara li
jkun għamel."

## 2 Samwel 4

### Il-mewt ta' Isboset

1Isboset bin Sawl sama' li Abner kienu qatluh f'Hebron, u għebet il-ħila minn
idejh, u Iżrael kollu baqgħu mbellhin.

2Isboset bin Sawl kellu żewġ kapijiet tal-eżerċtu, jisimhom wieħed Bagħna u l-
ieħor Rekab, ulied Rimmon minn Birot mit-tribù ta' Benjamin, billi Birot kienet
fl-art ta' Benjamin.

3In-nies ta' Birot kienu ħarbu lejn Gittajm, u baqgħu jgħixu hemm bħallikieku
barranin sal-lum.

4Issa Ġonatan bin Sawl kellu iben immankat minn riġlejh; dan kellu ħames snin
meta waslet l-aħbar tal-mewt ta' Sawl u Ġonatan minn Ġeżragħel; u l-imreddgħa
tiegħu qabditu u ħarbet bih; fl-għaġla li kellha biex taħrab, it-tifel waqa' u
zzappap. Kien jismu Mefiboset.

5Ulied Rimmon il-Biroti, Rekab u Bagħna, marru u daħlu f'dar Isboset fl-eqqel
tas-sħana tal-jum, u sabuh rieqed ir-raqda ta' nofsinhar.

6Il-mara tal-bieb kienet qiegħda tnaqqi l-qamħ, ħadha n-ngħas u raqdet.

7U Rekab u Bagħna, ħuh, baqgħu deħlin inkiss inkiss ġod-dar, u sabuh mimdud
fuq friexu f'kamartu; qatluh, qatgħulu rasu, ħaduha, u baqgħu sejrin biha l-lejl
kollu fl-Għaraba.

8U ġiebu ras Isboset għand David f'Hebron u qalu lis-sultan: "Hawn hi ras Isboset
bin Sawl, l-għadu tiegħek, li kien ifittixlek ħajtek. Il-Mulej illum tħallas b'risq sidi
s-sultan minn Sawl u minn nislu."

9U David wieġeb lil Rekab u lil ħuh Bagħna, ulied Rimmon il-Biroti, u qalilhom:
"Daqs kemm hu ħaj il-Mulej, li ħelisni minn kull għawġ!

10Lil dak li ġie ħabbarli li Sawl kien miet u li kien ħaseb li kien ġiebli xi aħbar
tajba, jien qbadtu u qtiltu f'Siklag, u hekk ħallastu tal-bxara.

11Kemm aktar issa, li nies ta' qattagħni qatlu bniedem ġust f'daru u f'soddtu,
infittex inqaċċatkom minn wiċċ l-art, u nitħallas minnkom ta' demmu?"

12U David ordna lill-qaddejja tiegħu li joqtluhom, jaqtgħulhom idejhom u
riġlejhom, u jdendluhom ħdejn il-menqgħa ta' Hebron. U ras Isboset ħaduha u
difnuha fil-qabar ta' Abner f'Hebron.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

# 2 Samwel 5

### David sultan ta' Iżrael kollu

1Imbagħad it-tribujiet kollha ta' Iżrael ġew għand David f'Hebron u qalulu: "Arana, għadmek u laħmek aħna!

2Fl-imgħoddi, meta Sawl kien sultan fuqna, kont int li kont toħroġ lil Iżrael għall-gwerra u ġġibhom lura, u l-Mulej qallek: 'Int għad tirgħa l-poplu tiegħi u tkun prinċep fuq Iżrael.' "

3U x-xjuħ kollha ta' Iżrael ġew għand is-Sultan f'Hebron u s-sultan David għamel patt magħhom f'Hebron quddiem il-Mulej; u lil David dilkuh sultan fuq Iżrael.

4Tletin sena kellu David meta sar sultan, u dam isaltan erbgħin sena;

5seba' snin u sitt xhur fuq Ġuda f'Hebron; u tlieta u tletin sena f'Ġerusalemm fuq Iżrael kollu u fuq Ġuda.

### David jidħol Ġerusalemm

6Is-sultan mar bin-nies tiegħu Ġerusalemm kontra l-Ġebusin, li kienu jgħammru fil-pajjiż. U qalu lil David: "Ma tidħolx hawn! Biżżejjed l-għomja u z-zopop biex ikeċċuk," fi kliem ieħor: "David ma jidħolx."

7Imma David ħa f'idejh il-fortizza ta' Sijon, li hi l-Belt ta' David.

8U David dakinnhar kien qal: "Min se jidrob lill-Ġebusi, ħa jitla' mill-ispiera u jaħbat għaz-zopop u l-għomja, mistmerra minn David?" Għalhekk għadhom jgħidu sal-lum: "Il-bniedem agħma jew zopp ma jidħolx fid-dar."

9U David beda jgħammar fil-fortizza u semmieha l-Belt ta' David. U bena dawramejt magħha minn Millu 'l ġewwa.

10U David baqa' dejjem jissaħħaħ u l-Mulej, Alla tal-eżerċti, kien dejjem miegħu.

11U Hiram, sultan ta' Tir, bagħat messaġġ għand David, u injam taċ-ċedru, mastrudaxxi u naġġara tal-ġebel; u dawn bnew dar għal David.

12U David għaraf li l-Mulej kien wettqu sultan fuq Iżrael, u li għolla saltnatu minħabba l-poplu tiegħu Iżrael.

13Imbagħad David ħa konkubini u nisa oħra minn Ġerusalemm, wara li kien ġie minn Hebron; u tweldulu aktar subien u bniet.

14U dawn huma l-ismijiet tal-ulied li twieldu lil David f'Ġerusalemm: Sammugħa u Sobab, Natan u Salamun.

15Ibħar u Elisugħa, Nefeg u Ġafigħa u

16Elisama u Eljada u Elifelet.

### David u l-Filistin


© 2020 Malta Bible Society.

[17]U l-Filistin semgħu li kienu dilku lil David sultan fuq Iżrael kollu; u telgħu lkoll ifittxu lil David; malli David sama' bihom, niżel fil-fortizza;

[18]u l-Filistin ġew u xterdu fil-wied ta' Refajm.

[19]David stħarreġ lill-Mulej u qal: "Nitla' kontra l-Filistin? Terħihomli f'idejja?" U l-Mulej wieġeb lil David: "Itla', għaliex il-Filistin se nerħihom f'idejk."

[20]David mar f'Bagħal-perasim; u hemm tahom xebgħa, u mbagħad qal: "Ħarbat il-Mulej l-għedewwa tiegħi, bħalma l-ilma jħarbat kollox quddiemu." Għalhekk il-post semmewh Bagħal-perasim.

[21]Il-Filistin ħallew hemm l-idoli tal-allat tagħhom, u ġabruhom David u n-nies tiegħu.

[22]Imma l-Filistin reġgħu telgħu u tqassmu fil-wied ta' Refajm.

[23]U David stħarreġ lill-Mulej u l-Mulej wieġbu: "Titlax għalihom: dur għal warajhom, u ħudhom minn wara minn biswit is-siġar tal-balzmu.

[24]Malli tisma' t-tħaxwix tal-mixi fuq il-qċaċet tas-siġar tal-balzmu ħaffef malajr għaliex dak il-ħin joħroġ il-Mulej quddiemek u jkisser il-kamp tal-Filistin."

[25]U David għamel bħalma ordnalu l-Mulej, u ħarbat il-Filistin minn Geba sa ma tasal Geżer.

## 2 Samwel 6

### L-arka f'Ġerusalemm

[1]U David ġama' l-aħjar nies ta' Iżrael, tletin elf ruħ.

[2]Imbagħad David qam u telaq bil-poplu kollu miegħu minn Bagħale-ġuda biex italla' minn hemm l-arka ta' Alla, li ġġib l-isem tal-Mulej tal-eżerċti, li qiegħed fuq il-kerubini.

[3]U għabbew l-arka ta' Alla fuq karru ġdid u ġarrewha mid-dar ta' Abinadab, li kienet fuq l-għolja. U Għużża u Aħiju, ulied Abinadab, kienu jsuqu l-karru l-ġdid

[4]bl-arka ta' Alla fuqu, u Aħiju kien miexi quddiem l-arka.

[5]U David u d-dar kollha ta' Iżrael kienu jiżfnu u jaqbżu bil-ferħ quddiem il-Mulej b'kemm kellhom saħħa, bl-għana u d-daqq taċ-ċetri, l-arpi, it-tnabar, iċ-ċnieċel u l-platti.

[6]Xħin waslu ħdejn il-qiegħa ta' Nakon, il-gniedes tfixklu u Għużża medd idu lejn l-arka ta' Alla biex iżommha.

[7]Il-Mulej għadab għal Għużża, u Alla laqtu hemm u baqa' mejjet tal-post ħdejn l-arka ta' Alla.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

8David għela għax laqat il-Mulej lil Għużża, u sejjaħ il-post Pereż-għużża sal-lum.

9Dakinhar David ħass ruħu beżgħan quddiem il-Mulej u qal: "Kif jista' jkun li l-
arka tal-Mulej tidħol għandi?"

10U David ma riedx idaħħal għandu l-arka tal-Mulej fil-belt ta' David, u ħadha fid-
dar ta' Għobededom il-Gitti.

11U l-arka tal-Mulej baqgħet f'dar Għobededom, il-Gitti, tliet xhur sħaħ. U l-Mulej
bierek lil Għobededom u 'l daru kollha.

12U lis-sultan David qalulu: "Il-Mulej bierek dar Għobededom u kulma għandu
minħabba l-arka ta' Alla." U mar David u talla' l-arka ta' Alla bil-ferħ mid-dar ta'
Għobededom għall-belt ta' David.

13U malli r-reffiegħa tal-arka tal-Mulej imxew xi sitt passi, offra b'sagrifiċċju
gendus u għoġol imsemmen.

14David, liebes efod tal-għażel, beda jiżfen b'ħiltu kollha quddiem il-Mulej.

15U hekk David u d-dar kollha ta' Iżrael wasslu l-arka tal-Mulej b'għajjat ta' ferħ
u daqq tat-trombi.

16Ġara li, hi u dieħla l-arka tal-Mulej fil-belt ta' David, Mikal, bint Sawl, ittawlet
mit-tieqa, u lemħet is-sultan David jaqbeż u jiżfen quddiem il-Mulej, u stmerritu
f'qalbha.

17Ġiebu l-arka tal-Mulej u qegħduha f'postha, fit-tinda li kien waqqaf għaliha
David. David imbagħad offra sagrifiċċji tal-ħruq u sagrifiċċji tas-sliem quddiem
il-Mulej.

18Meta kien offra s-sagrifiċċji tal-ħruq u s-sagrifiċċji tas-sliem, David bierek il-
poplu b'isem il-Mulej tal-eżerċti;

19u qassam lill-poplu kollu, lill-kotra ta' Iżrael, irġiel u nisa, ftira ħobż, biċċa
laħam u ċappa żbib kull wieħed. U l-poplu kollu telaq, kulħadd lejn daru.

20Xħin David raġa' lura d-dar biex isellem lil niesu, ħarġet Mikal, bint Sawl,
tilqgħu u qaltlu: "Kemm kien sabiħ illum is-sultan ta' Iżrael, mikxuf quddiem
għajnejn in-nisa tal-qaddejja tiegħu, bħalma jinkixef raġel bla ġieħ!"

21U David wieġeb lil Mikal: "Il-Mulej kien li għażilni flok missierek u daru kollha,
u għamilni prinċep fuq il-poplu ta' Iżrael, il-poplu tal-Mulej; iva, jiena żfint
quddiem il-Mulej.

22Anzi niċċekken aktar minn hekk. Ha nitlef ġieħi f'għajnejk, imma nissebbaħ
quddiem il-qaddejja nisa li semmejt int."

23U Mikal, bint Sawl, baqgħet bla tfal sa ma mietet.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

# 2 Samwel 7

### Il-wegħda tal-Mulej

1Meta s-sultan David mar joqgħod f'daru, u l-Mulej serrħu mill-għedewwa kollha
ta' madwaru,

2is-sultan qal lil Natan il-profeta: "Issa, ara jiena qiegħed f'dar taċ-ċedru, u l-arka
ta' Alla qiegħda f'nofs ta' tinda!"

3U qal Natan lis-sultan: "Kulma għandek fi ħsiebek li tagħmel, mur agħmlu, għax
il-Mulej miegħek."

4Imma dak il-lejl stess ġiet il-kelma tal-Mulej lil Natan u qallu:

5"Mur għid lill-qaddej tiegħi David: 'Dan jgħid il-Mulej: Se tibnili int dar biex
noqgħod fiha?

6Jiena ma għammart f'ebda dar minn mindu tellajt lil ulied Iżrael mill-Eġittu sal-
lum. Jiena kont niġġerra f'tinda u f'għarix.

7F'dak iż-żmien kollu li kont niġġerra 'l hawn u 'l hinn ma' wlied Iżrael, qatt għedt
lil xi ħadd mill-kapijiet ta' Iżrael li jien kont qabbadt jirgħu l-poplu tiegħi Iżrael:
Għaliex ma bnejtlix dar taċ-ċedru?'

8"U issa għid lill-qaddej tiegħi David: 'Dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti: Ara, jiena
ħadtek mill-mergħat minn wara l-imrieħel biex tkun prinċep fuq il-poplu tiegħi
Iżrael.

9Dejjem kont miegħek f'kulma kont tidħol għalih; u meta int qridt l-għedewwa
tiegħek kollha minn quddiemek. Issa jiena nibnilek isem kbir jixbah l-ismijiet il-
kbar li hawn fid-dinja.

10Nagħmel post għall-poplu tiegħi Iżrael, u nqiegħdu hemm fejn jgħammar bla
biża', u ma jgħakksuhx iżjed il-ħżiena bħalma għamlu sa minn dejjem,

11jiġifieri sa minn meta qajjimt l-imħallfin fuq il-poplu tiegħi Iżrael; u nserrħek
mill-għedewwa tiegħek kollha. 'Lilek imbagħad il-Mulej jagħtik kelma li jibnilek
dar.

12U meta inti ttemm żmienek, u tkun striħajt ma' missirijietek, jiena nqajjem
nislek warajk, nisel ħiereġ mill-ġewwieni tiegħek, u nsaħħaħ is-saltna tiegħu.

13Huwa jibni dar lil ismi, u jiena nsaħħaħ it-tron tas-saltna tiegħu għal dejjem.

14Jiena nkun għalih missier, u hu jkun għalija iben. Jekk jagħmel il-ħażin, jiena
nwiddbu bl-istess bastun tal-bnedmin, u bid-daqqiet li jagħtu l-bnedmin.

15Imma t-tjieba tiegħi lejh qatt ma nwarrabha għalkollox minnu, bħalma
warrabtha minn ma' Sawl li jiena begħedt minn quddiemek.


© 2020 Malta Bible Society.

16Il-familja tiegħek u s-saltna tiegħek jibqgħu sħaħ għal dejjem quddiemi. It-tron
tiegħek jibqa' sħiħ għal dejjem.' "

17Natan kellem lil David skont dan il-kliem u din il-viżjoni.

### David quddiem il-Mulej

18Imbagħad David mar quddiem il-Mulej, u qal: "Min jien jien, Sidi Mulej, u min
hi l-familja tiegħi, biex wassaltni sa hawn?

19Imma dan kien għadu ftit f'għajnejk, Sidi Mulej; u issa tkellimt ukoll mill-
familja tal-qaddej tiegħek għal żmien li għadu 'l bogħod. U dan turih lill-bniedem,
Sidi Mulej!

20"U x'jista' jgħidlek David, iżjed, int taf il-qaddej tiegħek, Sidi Mulej.

21Int imxejt skont il-wegħda tiegħek, u qalbek, u għarraft dan il-kobor kollu lill-
qaddej tiegħek.

22Għalhekk int kbir, Sidi Mulej. Tassew ma hawn ħadd daqsek, u ebda alla ieħor
ħliefek skont ma smajna b'widnejna.

23U liema poplu ieħor fid-dinja hu bħal Iżrael, il-poplu tiegħek, li Alla nqala' biex
jifdih u jagħmlu l-poplu tiegħu, u jagħtih isem, u permezz tiegħu jagħmel għalih
ħwejjeġ kbar u tal-għaġeb bħal meta int keċċejt il-ġnus u allathom minn
quddiem il-poplu tiegħek, li int fdejt mill-Eġittu?

24Int waqqaft il-poplu tiegħek Iżrael bħala poplu tiegħek għal dejjem; int, Mulej,
sirt Alla tagħhom.

25"U issa, Mulej Alla, il-kelma li int għedt dwar il-qaddej tiegħek u l-familja
tiegħu, żommha għal dejjem, u agħmel kif għedt.

26B'hekk ismek ikun imfaħħar għal dejjem b'dan il-kliem: 'Il-Mulej tal-eżerċti hu
Alla fuq Iżrael!' U l-familja tal-qaddej tiegħek David tibqa' sħiħa quddiemek.

27"Għaliex int, Mulej tal-eżerċti, Alla ta' Iżrael, għarraft lill-qaddej tiegħek u
għedtlu: 'Jiena nibnilek dar.' Għalhekk il-qaddej tiegħek għamel il-qalb li
jagħmillek din it-talba.

28U issa, Sidi Mulej, int Alla, il-kelma tiegħek hi sewwa, u int wegħedt dan il-ġid
lill-qaddej tiegħek.

29Qum u bierek il-familja tal-qaddej tiegħek, ħalli tibqa' sħiħa quddiemek għal
dejjem! Għax int, Sidi Mulej, tkellimt, u l-familja tal-qaddej tiegħek tkun imbierka
għal dejjem minħabba fil-barka tiegħek."

## 2 Samwel 8

### Ir-rebħ ta' David


© 2020 Malta Bible Society.

1 Ġara li wara dan David ħabat għall-Filistin u għelibhom u ħadilhom minn taħt idejhom il-belt ta’ Meteg-ħa-amma.

2 Kisser ukoll lil Mowab, meddhom fl-art u qieshom bil-ħabel; qies żewġt iħbula għall-mewt, u ħabel wieħed ħalliehom ħajjin. Hekk il-Mowabin sfaw suġġetti għal David u kellhom iħallsu l-ħaraġ.

3 Rebaħ ukoll David lil Hadad-għeżer bin Reħob, sultan ta’ Soba, meta dan mar biex iwaqqaf saltnatu sax-xmara.

4 David ħadlu elf u seba’ mitt rikkieb u għoxrin elf fanterija. U David qata’ l-għeruq ta’ għarqub iż-żwiemel kollha tal-karrijiet, imma ħalla sħaħ minnhom għal mitt karru.

5 Aram ta’ Damasku mar jgħin lil Hadad-għeżer, sultan ta’ Soba, u David ħabat għal Aram u qered minnhom tnejn u għoxrin elf raġel.

6 Imbagħad David qiegħed għases f’Aram ta’ Damasku, u hekk l-Aramin saru suġġetti għal David, u bdew iħallsu l-ħaraġ. U l-Mulej kien jgħin lil David f’kulma kien jidħol għalih.

7 U David ħa t-tarkiet tad-deheb li kellhom fuqhom il-qaddejja ta’ Hadad-għeżer, u ġiebhom f’Ġerusalemm.

8 Minn Betaħ imbagħad, u minn Berotaj, bliet ta’ Hadad-għeżer, is-sultan David ħa ħafna ram.

9 U Togħi, is-sultan ta’ Hamat, sar jaf li David qered il-forza kollha ta’ Hadad-għeżer,

10 u bagħat lil ibnu Ġoram għand is-sultan David biex iselli għalih u jifraħlu talli ħabat għal Hadad-għeżer u qerdu - għax Hadad-għeżer kien miġġieled ma’ Togħi. U Ġoram ġieb f’idu tagħmir tal-fidda u tagħmir tad-deheb u tagħmir tar-ram.

11 U s-sultan David ikkonsagrahom lill-Mulej flimkien mal-fidda u d-deheb li kien ikkonsagra wara li ħadhom mingħand il-ġnus li kien rebaħ,

12 jiġifieri, minn Aram, minn Mowab, mingħand ulied Għammon, mill-Filistin, minn Għamalek, u mill-priża ta’ Hadad-għeżer bin Reħob, sultan ta’ Soba.

13 Wara li kien raġa’ lura mix-xebgħa li kien ta lil Aram, David għamel isem ukoll billi qered tmintax-il elf ruħ mill-Edomin f’Wied il-Melħ.

14 U mbagħad ħalla għases f’Edom; u Edom kollha waqgħet taħt il-ħakma ta’ David. Hekk il-Mulej kien irebbaħ lil David f’kulma kien jidħol għalih.

### L-amministrazzjoni

15 U David kien isaltan fuq Iżrael kollu, u kien jagħmel il-ħaqq u l-ġustizzja mal-poplu kollu tiegħu.


© 2020 Malta Bible Society.

16U Ġowab bin Seruja kien jikkmanda l-eżerċtu; u Ġosafat bin Aħilud kien segretarju;

17u Sadok bin Aħitub u Aħimelek bin Abjatar kienu qassisin; u Sisa kien kronista.

18Benajja bin Ġojada, kien fuq il-Keretin u l-Peletin; ulied David, imbagħad, kienu qassisin.

## 2 Samwel 9

### David u bin Ġonatan

1U David staqsa: "Hemm xi ħadd li għadu ħaj mid-dar ta' Sawl, biex nurih imħabbti f'ġieħ Ġonatan?"

2Kien hemm qaddej mid-dar ta' Sawl, li kien jismu Siba. U sejħulu għal quddiem David, u s-sultan staqsieh: "Inti Siba?" u dak wieġeb: "Qaddej tiegħek!"

3U s-sultan qallu: "Fadal xi ħadd mid-dar ta' Sawl biex nagħmel miegħu l-ħniena ta' Alla?"

4U Siba wieġeb lis-sultan: "Għad fadal bin Ġonatan, zopp minn riġlejh it-tnejn." U s-sultan issokta jgħidlu: "Fejn hu?" U Siba wieġeb lis-sultan: "Qiegħed fid-dar ta' Makir bin Għammijel f'Lodebar."

5U s-sultan David bagħat għalih u ġabuh mid-dar ta' Makir bin Għammijel minn Lodebar.

6U Mefiboset bin Ġonatan, bin Sawl, resaq quddiem David u niżel wiċċu fl-art quddiemu u tah qima. U David qal: "Mefiboset!" U dak wieġbu: "Qaddej tiegħek!"

7U David qallu: "La tibżax, għax se nagħmel ħniena miegħek f'ġieħ Ġonatan missierek; irroddlok lura l-oqsma kollha ta' missierek Sawl, u inti tiekol mill-mejda tiegħi għal dejjem."

8U niżel wiċċu fl-art quddiemu u tah qima u qallu: "X'inhu l-qaddej tiegħek biex inti dawwart wiċċek lejn kelb mejjet bħali?"

9U s-sultan sejjaħ lil Siba, il-qaddej ta' Sawl, u qallu: "Kulma kellu Sawl u d-dar tiegħu tajtu lil bin sidek.

10Inti taħdimlu r-raba', inti u wliedek u l-qaddejja tiegħek; u int iġġib il-frott lil bin sidek, ħalli dar sidek ikollhom x'jieklu; imma Mefiboset bin Sidek jibqa' jiekol dejjem mill-mejda tiegħi." Siba, li kellu ħmistax-il tifel u għoxrin qaddej,

11wieġeb lis-sultan: "Kulma ordna sidi s-sultan lill-qaddej tiegħu, hekk jagħmel il-qaddej tiegħu." U Mefiboset baqa' jiekol mill-mejda tas-sultan bħallikieku wieħed minn uliedu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

12Mefiboset kellu tifel żgħir jismu Mika; u dawk kollha li kienu joqogħdu f'dar Siba kienu qaddejja ta' Mefiboset.

13U Mefiboset kien joqgħod Ġerusalemm, għax kien jiekol mill-mejda tas-sultan, u kien zopp minn riġlejh it-tnejn.

## 2 Samwel 10

### Ir-rebħ fuq l-Għammonin u l-Aramin

1Ġara li wara dan miet is-sultan ta' wlied Għammon, u daħal isaltan floku Hanun, ibnu.

2U David qal: "Ha rrodd lil Hanun bin Naħas il-favur li missieru għamel miegħi." U David bagħat il-qaddejja tiegħu jagħtuh l-għomor għall-mewt ta' missieru. U l-qaddejja ta' David marru fl-art ta' wlied Għammon.

3U l-kapijiet ta' wlied Għammon qalu lil Hanun, sidhom: "Taħseb int li David bagħat jagħtik l-għomor permezz tal-qaddejja tiegħu biex jagħti ġieħ lil missierek? Mhux biex jistħarreġ il-belt, u jitkixxifha u jaqlibha ta' taħt fuq bagħat il-qaddejja tiegħu għandek David, biex imbagħad iġarrafha?"

4U Hanun qabad lill-qaddejja ta' David u qaxxrilhom nofs ilħithom u qatgħalhom nofs ilbieshom minn qaddhom 'l isfel, u telaqhom.

5U għarrfu lil David u bagħat lil min jilqagħhom, għaliex dawn l-irġiel ħassew ruħhom avviliti għall-aħħar. U s-sultan qalilhom: "Oqogħdu f'Ġeriko sakemm tikbrilkom il-leħja, imbagħad erġgħu lura."

6Meta l-Għammonin raw li kisruha ma' David, bagħtu jikru minn fost l-Aramin ta' Bet-reħob u l-Aramin ta' Soba għoxrin elf raġel fanterija, u elf oħra mingħand is-sultan ta' Magħka; u tnax-il elf mill-poplu ta' Tob.

7David sama' b'dan u bagħat lil Ġowab u l-eżerċtu kollu bin-nies qalbiena.

8Ulied Għammon ħarġu u ħadu posthom għall-ġlied fid-daħla tal-bieb; u l-Aramin ta' Soba, u ta' Reħob, u n-nies ta' Tob u ta' Magħka tqassmu għalihom weħidhom fir-raba'.

9Meta Ġowab ra li kien imhedded minn quddiem u minn wara, għażel l-aħjar min-nies kollha ta' Iżrael, u qassamhom quddiem l-Aramin.

10U l-bqija tal-poplu ħallieh f'idejn ħuh Abisaj, u qassamhom quddiem l-Għammonin.

11U qallu: "Jekk l-Aramin insibhom aqwa minni, int ejja għinni; u jekk int issib l-Għammonin aqwa minnek, niġi ngħinek jien.

12Agħmel il-ħila, u nissieltu għall-poplu tagħna u għall-bliet ta' Alla tagħna, imbagħad il-Mulej jagħmel dak li jidhirlu."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

13U Ġowab u n-nies li kellu miegħu marru jaħbtu għall-Aramin, u dawn ħarbu minn quddiemu.

14Malli wlied Għammon raw li l-Aramin ħarbu, ħarbu minn quddiem Abisaj u daħlu fil-belt. U Ġowab raġa' lura mingħand l-Għammonin u mar u telaq lejn Ġerusalemm.

15L-Aramin raw li marru minn taħt quddiem l-Iżraelin, u għalhekk ingħaqdu lkoll flimkien.

16Hadad-għeżer bagħat jiġbor l-Aramin min-naħa l-oħra tax-xmara. U ġew Helam, bil-mexxej tagħhom Sobak, il-kmandant tal-eżerċtu ta' Hadad-għeżer, quddiemhom.

17David sar jaf b'dan u ġama' lil Iżrael kollu, qasam il-Ġordan, u wasal sa Helam. L-Aramin tqassmu kontra David u ħabtu għalih.

18U l-Aramin ħarbu minn quddiem Iżrael u David qatel mill-Aramin seba' mitt sewwieq tal-karrijiet u erbgħin elf rikkieb u darab ukoll lil Sobak, il-kmandant tal-eżerċtu, li baqa' mejjet tal-post.

19U s-slaten, l-alleati ta' Hadad-għeżer, malli raw li tkissru quddiem Iżrael, għamlu l-paċi ma' Iżrael u saru suġġetti għalihom. U l-Aramin beżgħu jibqgħu jgħinu iżjed lin-nies ta' Għammon.

## 2 Samwel 11

### David u Batseba

1Ġara li fil-bidu tas-sena, meta s-slaten soltu joħorġu għall-gwerra, David bagħat lil Ġowab, u l-qaddejja tiegħu, u Iżrael kollu għall-gwerra; wara li ħarbtu l-art tal-Għammonin, dawru l-belt ta' Rabba. Imma David baqa' Ġerusalemm.

2Ġara li, għall-ħabta ta' filgħaxija David qam minn friexu u mar jagħmel mixja fuq is-setaħ tal-palazz tas-sultan u minn fuq is-setaħ jilmaħ mara qiegħda tinħasel. Il-mara kienet sabiħa ħafna fl-għajn.

3U David bagħat jistaqsi min kienet dik il-mara. U qalulu: "Dik Batseba bint Eligħam, mart Urija l-Hitti."

4U David bagħat il-messaġġiera tiegħu għaliha; u hi daħlet għandu, u hu mtedd magħha - kienet għadha kemm tnaddfet mill-inġiesa tax-xahar tagħha - u telqet lejn darha.

5U l-mara tqalet u bagħtet tgħid lil David u qaltlu: "Jien tqalt."

6Imbagħad David bagħat jgħid lil Ġowab: "Ibgħatli lil Urija l-Hitti." U Ġowab bagħat lil Urija għand David.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

7Meta Urija wasal, David staqsieh jekk kienx tajjeb Ġowab, kienx tajjeb l-eżerċtu,
u jekk kinitx sejra tajjeb il-gwerra.

8U fl-aħħar qallu: "Inżel id-dar tiegħek, u aħsel riġlejk." Urija ħareġ mill-palazz
tas-sultan, u dan bagħatlu rigal.

9Iżda Urija raqad wara l-bieb tal-palazz tas-sultan mal-qaddejja ta' sidu, u ma
marx id-dar.

10U għarrfu b'dan lil David: "Urija," qalulu, "ma marx f'daru." David għalhekk qal
lil Urija: "M'intix ġej mit-triq? Għaliex ma nżiltx f'darek?"

11U Urija wieġeb lil David: "L-arka ta' Iżrael u Ġuda qegħdin fit-tined, u sidi
Ġowab u l-qaddejja ta' sidi fil-kamp għall-beraħ tar-raba', u mbagħad jien immur
f'dari niekol u nixrob, u norqod ma' marti? F'ħajjietek u ħajjet ruħek, dan ma
nagħmlu qatt."

12David wieġeb lil Urija: "Oqgħod hawn illum ukoll, u għada nħallik tmur." U
Urija baqa' Ġerusalemm dakinhar.

13U l-għada David stiednu biex jiekol u jixrob miegħu, u sakkru. Filgħaxija Urija
mar jorqod fuq friexu mal-qaddejja ta' sidu, u d-dar ma niżilx.

14L-għada David kiteb ittra lil Ġowab u bagħathielu ma' Urija.

15Fl-ittra kitiblu dan il-kliem: "Qiegħed lil Urija fl-eħrex tat-taqbida quddiem
nett, u intom tbiegħdu minn warajh, ħalli joqtluh u jmut."

16Meta Ġowab kien jassedja l-belt, qiegħed lil Urija fil-post fejn kien jaf li kien
hemm nies mill-aktar qalbiena.

17In-nies tal-belt ħarġu u ħabtu għal Ġowab. Hafna mill-eżerċtu, fosthom ukoll
qaddejja ta' David, waqgħu, u miet ukoll Urija l-Ħitti.

18Imbagħad Ġowab bagħat jgħarraf lil David b'kulma ġara fil-battalja.

19Lill-messaġġier ordnalu u qallu: "Meta tkun tajt l-aħbar dwar il-battalja lis-
sultan,

20jekk is-sultan jixgħel bl-għadab u jgħidlek: 'Għaliex ersaqtu lejha daqshekk
biex taħbtu għaliha? Ma kontux tafu li kienu jistgħu jwaddbu l-vleġeġ minn fuq
is-swar?

21Min qatel lil Abimelek bin Ġerub-boset? Mhux mara kienet li waddbitlu l-ġebla
tat-tħin minn fuq is-sur u miet f'Tebes? Għala rsaqtu daqshekk lejn is-sur?' Int
għandek twieġbu: 'U miet ukoll il-qaddej tiegħek Urija l-Ħitti.' "

22U l-messaġġier telaq u mar iħabbar lil David dak kollu li bagħat jgħidlu Ġowab.

23U l-messaġġier żied jgħidlu: "L-għadu għelibna; ħarġu għalina fil-kampanja, u
aħna rassejniehom lejn dħul il-bieb.


© 2020 Malta Bible Society.

[24]U bdew iwaddbu l-vleġeġ minn fuq is-swar u mietu xi qaddejja tas-sultan, u
miet ukoll il-qaddej tiegħek Urija l-Ħitti."

[25]U David wieġeb lill-messaġġier: "Dan għid lil Ġowab: 'Teħodhiex bi kbira din,
għaliex ix-xabla teqred, issa hawn u issa hemm! Aħbat għall-belt b'qawwa akbar
u ġarrafha.' U qawwilu qalbu!

[26]U l-mara ta' Urija semgħet li r-raġel tagħha Urija miet, u bkiet lil żewġha.

[27]Malli għadda żmien il-vistu, David bagħat għaliha u daħħalha f'daru;
iżżewwiġha u wilditlu tifel. Imma dan għemil David ma għoġobx lill-Mulej.

## 2 Samwel 12

### Natan iċanfar lil David

[1]Għalhekk il-Mulej bagħat lil Natan il-profeta għand David. U mar għandu u
qallu: "Kien hemm żewġt irġiel mill-istess belt, wieħed sinjur u l-ieħor fqir.

[2]Is-sinjur kellu kotra kbira ta' nagħaġ u baqar.

[3]Il-fqir ma kellu xejn ħlief ħarufa żgħira, li kien xtara. Hu rabbieha, u kibret
flimkien miegħu u ma' wliedu, kienet tiekol mill-ftiet tiegħu, tixrob mill-kus
tiegħu, u torqod fi ħdanu; għalih kienet qisha bintu.

[4]"Darba waħda ġie vjaġġatur għand is-sinjur; dan ma kellux qalb jieħu min-
nagħaġ u l-baqar tiegħu biex ilesti l-ikel lill-vjaġġatur li kien wasal għandu. Ha l-
ħarufa ta' dak l-imsejken raġel, u ħejja l-ikel għal dak li kien ġie għandu."

[5]David xegħel bl-għadab għal dan il-bniedem, u qal lil Natan: "Daqs kemm hu ħaj
il-Mulej, il-bniedem li għamel dan ħaqqu l-mewt.

[6]Il-ħarufa jħallas għaliha erba' darbiet, għax għamel dan u ma kellux ħniena."

[7]Imbagħad Natan qal lil David: "Inti hu dak il-bniedem! Dan jgħid il-Mulej, Alla
ta' Iżrael: Jiena dliktek sultan fuq Iżrael, jiena ħlistek minn idejn Sawl;

[8]u tajtek id-dar ta' sidek u n-nisa ta' sidek fi ħdanek; tajtek id-dar ta' Iżrael u ta'
Ġuda; u jekk dan kien għadu ftit, kont inżidlek daqshekk ieħor.

[9]Għaliex mela stmerrejt il-kelma tal-Mulej u għamilt il-ħażin f'għajnejh? Drabt lil
Urija l-Ħitti bix-xabla, ħadtlu 'l martu b'martek, u lilu qtiltu bix-xabla tal-
Għammonin.

[10]U issa ma titwarrab qatt ix-xabla mill-familja tiegħek talli int stmerrejtni, u
ħadt lil mart Urija l-Ħitti biex tkun martek.

[11]"Dan jgħid il-Mulej: Arani se naqlagħlek l-inkwiet mill-familja tiegħek stess;
neħodlok in-nisa tiegħek minn taħt għajnejk, u nagħtihom lil ħaddieħor, u
jimtedd magħhom għad-dawl ta' din ix-xemx.


© 2020 Malta Bible Society.

12Int għamilt kollox bil-moħbi, imma jien nagħmlu għad-dawl tax-xemx, quddiem Iżrael kollu."

13U David qal lil Natan: "Jiena dnibt kontra l-Mulej!" U Natan wieġbu: "Il-Mulej ukoll ħafirlek dnubek; int ma tmutx;

14imma billi int b'għemilek stmerrejt il-Mulej, l-iben li jitwelidlek żgur li jmut."

15U Natan mar lura lejn daru.

### Il-mewt ta' bin David u t-twelid ta' Salamun

U l-Mulej darab it-tifel li wildet lil David mart Urija, u marad.

16U David talab lil Alla għat-tarbija u sam, u mar u għadda l-lejl mixħut fl-art.

17U qagħdu x-xjuħ ta' daru ħdejh biex iqajmuh mill-art, iżda hu ma riedx, u ma kiel xejn magħhom.

18U ġara li mas-seba' jum it-tifel miet; u l-qaddejja ta' David beżgħu jgħarrfuh li t-tifel kien miet, għax qalu: "Araw, sakemm it-tifel kien għadu ħaj tkellimna miegħu u ma semagħniex, u issa kif nistgħu ngħidulu: 'Miet it-tifel?' Jagħmillu ħażin."

19U David ra lill-qaddejja tiegħu ifesfsu bejniethom u fehem li t-tifel miet. U David qal lill-qaddejja: "Jaqaw miet it-tifel?" U huma wieġbu: "Iva."

20U qam David mill-art, inħasel, indilek, biddel ħwejġu u mar f'dar il-Mulej jagħtih qima wiċċu fl-art. Imbagħad mar id-dar u talabhom jiekol, u lestewlu l-ikel, u kiel.

21U l-qaddejja qalulu: "Din x'inhi li għamilt, somt minħabba t-tifel meta kien għadu ħaj u bkejtu, u issa li t-tifel miet, qomt u kilt il-ħobż?"

22U hu wieġeb: "Sakemm it-tifel kien għadu ħaj, somt u bkejt, għax għedt, 'Min jaf jekk il-Mulej iħennx għalija u jgħix it-tifel?'

23Issa li miet, għalfejn insum? Nista' jien nerġa' nġibu lura? Jien immur lejħ, imma hu ma jerġax lura lejja."

24David imbagħad farraġ 'il Batseba martu, u resaq lejha, imtedd magħha u welditlu iben, u semmieh Salamun, u l-Mulej kien iħobbu;

25u bagħat jgħidlu permezz ta' Natan il-profeta jagħtih l-isem ta' 'Ġedidija', minħabba l-Mulej.

### Ir-rebħa fuq l-Għammonin

26Imbagħad Ġowab ħabat għal Rabba tal-Għammonin u ħa f'idejh il-kwartier tas-sultan.

27U bagħat messaġġiera jgħidu lil David: "Hbatt għal Rabba u ħadt f'idejja l-kwartier tal-ilma.


© 2020 Malta Bible Society.

28Issa iġbor il-bqija tal-eżerċtu, u dawwar il-belt, u ħudha int. Inkella neħodha jien, u tibqa' tissemma b'ismi."

29U David ġabar l-eżerċtu kollu u mar lejn Rabba, ħabat għaliha u ħadha.

30U qabad il-kuruna tas-sultan tagħhom minn fuq rasu - li kienet tiżen talent deheb, b'ħaġra prezzjuża fiha - u tqiegħdet fuq ras David. Ha wkoll priża kbira mill-belt.

31In-nies tagħha mbagħad ħariġhom u qabbadhom jaħdmu bil-munxar, bil-bqaqen, u bil-fisien tal-ħadid. Haddimhom ukoll fil-fran tal-madum. Hekk għamel bl-ibliet kollha tal-Għammonin. Imbagħad David bl-eżerċtu kollu raġa' lura lejn Ġerusalemm.

## 2 Samwel 13

### Id-dnub ta' Amnon

1Ġara li Absalom bin David kellu oħtu, tifla sabiħa, li kien jisimha Tamar, u Amnon bin David kien iħobbha.

2Amnon kien imġennen għaliha, sa marad minħabba Tamar, oħtu, għax kien jidhirlu li ma sata' jagħmlilha xejn, għax kienet verġni.

3Amnon kellu ħabib, jismu Ġonadab bin Simgħa, ħu David, u dan Ġonadab kien raġel jilħaqlu ħafna.

4U qallu: "Għaliex ta' kull filgħodu tkun hekk mitluq, bin is-sultan? Ma tgħidlix?" U Amnon wieġbu: "Inħobb lil Tamar, oħt Absalom ħija."

5U Ġonadab wieġbu: "Mur imtedd f'soddtok, u agħmel tabirruħek marid. Imbagħad jiġi jarak missierek u għidlu: 'Ħa tiġi Tamar oħti tħejjili l-ikel, u ssajjarli l-ikel taħt għajnejja, biex jien naraha, u niekol minn idejha."

6U Amnon inxteħet fis-sodda, u għamilha tabirruħu marid; u s-sultan ġie jarah, u Amnon qal lis-sultan: "Ħa tiġi Tamar, oħti, u ssajjarli żewġ ftajjar taħt għajnejja, u niekol minn idejha."

7U David bagħat jgħid lil Tamar id-dar: "Mur id-dar ta' ħuk Amnon, u ħejjilu l-ikel."

8U Tamar marret fid-dar ta' ħuha Amnon, li kien mixħut fis-sodda. Ħadet l-għaġina, għaġnitha u għamlitha ftajjar quddiemu, u sajrithom.

9Imbagħad qabdet it-taġen u qalbithom quddiemu, imma ma riedx jiekol. U Amnon qalilha: "Ibgħat lil kulħadd minn ħdejja." U kulħadd ħareġ minn ħdejh.

10Imbagħad Amnon qal lil Tamar: "Ħu l-ikel fil-kamra ta' ġewwa ħalli niekol minn idejk." U Tamar ħadet il-ftajjar li kienet lestiet u ħadithom lil ħuha Amnon fil-kamra ta' ġewwa.


© 2020 Malta Bible Society.

11Xħin ressqithomlu quddiemu, qabadha u qalilha: "Ejja mtedd miegħi, oħt!"

12U hi qaltlu: "Le, ħija, la tkasbarnix għax dan ma jistax isir f'Iżrael; la tagħmilx
dan il-ġenn.

13Imbagħad jiena fejn immur b'dan l-għajb fuqi? U int tkun wieħed mill-boloh
fost Iżrael! Kellem lis-sultan, u hu ma jċaħħdekx minni."

14Imma ma riedx jisma' kliemha. U għax kien jiflaħ aktar minnha, imtedd
magħha u għelibha b'forza.

15Imbagħad Amnon ħakmitu mibegħda kbira għaliha; il-mibegħda li ħass
għaliha kienet qalila aktar mill-imħabba li biha kien ħabbha. U Amnon qalilha:
"Qum u itlaq!"

16"Le," qaltlu Tamar, "għaliex jekk tkeċċini, il-ħsara li tagħmilli tkun akbar minn
dak li diġà għamiltli." Imma ma riedx jismagħha.

17Sejjaħ iż-żagħżugħ, qaddej tiegħu, u qallu: "Ibagħtu lil din il-mara 'l barra minn
quddiemi, u sakkru l-bieb warajha."

18Kellha fuqha libsa twila bil-kmiem - għax hekk minn dejjem kienu jilbsu l-bniet
verġni tas-sultan - u l-qaddej tiegħu ħariġha 'l barra u sakkar il-bieb warajha.

19U Tamar qabdet it-trab u xeħtitu fuq rasha, ċarrtet il-libsa twila li kellha fuqha,
u qiegħdet idejha fuq rasha, u telqet tiġri u twerżaq.

20U Absalom ħuha staqsieha: "Jaqaw Amnon kien miegħek? Issa, oħti, oqgħod bi
kwietek; għax ħuk hu! La ssorrhiex f'qalbek din il-ħaġa." U Tamar baqgħet
tgħammar b'qalbha maqsuma f'dar Absalom ħuha.

21U s-sultan David sama' b'kulma ġara, u għadab bis-sħiħ. Imma ma riedx
jagħmel ħsara lil Amnon, billi kien ibnu l-kbir, u kien iħobbu.

22U Absalom lil Amnon ma kellmu xejn, la tajjeb u lanqas ħażin; imma sar
jobogħdu talli kasbar lil Tamar oħtu.

### Il-mewt ta' Amnon

23U ġara li sentejn wara kien hemm il-ġeżż tan-nagħaġ ta' Absalom f'Bagħal-
ħasor li tinsab f'Efrajm, u Absalom stieden lill-ulied kollha tas-sultan.

24U Absalom mar għand is-sultan u qallu: "Ara, il-ġeżż tan-nagħaġ tal-qaddej
tiegħek! Ha jiġi mela, is-sultan u l-qaddejja tiegħu, għand il-qaddej tiegħek."

25Imma s-sultan wieġeb lil Absalom: "Le ibni, ma niġux ilkoll, li ma nkunux ta'
piż żejjed għalik." U Absalom issikkah, iżda ma riedx imurlu, u bierku.

26Imbagħad Absalom qallu: "Jekk ma tiġix int, ħalli għallinqas jiġi ħija Amnon!"
"U għalfejn," qallu s-sultan, "għandu jiġi miegħek?"


© 2020 Malta Bible Society.

27Imma Absalom baqa' jsus fuqu u s-sultan bagħat miegħu lil Amnon u lill-ulied
kollha tas-sultan; u Absalom lesta ikla ta' sultan.

28U ta ordni lill-qaddejja u qalilhom: "Oqogħdu attenti biex meta Amnon qalbu
tkun ferħana bl-inbid, u jien ngħidilkom: 'Aħbtu għal Amnon,' aqbduh u oqtluh.
La tibżgħux; għax qiegħed nordnalkom jien. Agħmlu l-ħila u kunu nies qalbiena!"

29U l-qaddejja ta' Absalom għamlu lil Amnon kif ordnalhom Absalom. U wlied is-
sultan qamu, u kull wieħed rikeb il-bagħla, u ħarbu lkoll.

30U ġara li kif kienu għadhom fit-triq waslet din l-aħbar lil David: "Absalom qatel
lil ulied is-sultan kollha, u ħadd minnhom ma ħelisha."

31U s-sultan qam, u ċarrat ilbiesu, u nxteħet fl-art, u l-qaddejja li kienu madwaru
ċarrtu lbieshom ilkoll.

32Imma Ġonadab bin Simgħa, ħu David, qallu: "Ma għandux jaħseb sidi li mietu
lkoll ulied is-sultan; Amnon waħdu miet. Sa minn dak in-nhar li Amnon kasbar
lil Tamar oħtu, is-sentenza kienet fuq fomm Absalom.

33Għalhekk issa sidi s-sultan ma għandux idaħħal f'rasu u jgħid: Ulied is-sultan
mietu lkoll. Amnon waħdu miet."

34U Absalom ħarab. Issa l-qaddej tal-għassa rafa' għajnejh, lemaħ kotra kbira
nieżla mal-ġenb tal-għolja mit-triq ta' Ħoronajm. U l-għassies mar jgħarraf lis-
sultan, u jgħidlu: "Rajt xi nies nieżla mal-ġenb tal-għolja mit-triq ta' Ħoronajm."

35U Ġonadab qal lis-sultan: "Arahom ġejjin ulied is-sultan; ġara bħalma qallek il-
qaddej tiegħek."

36U malli temm kliemu, arahom, waslu wlied is-sultan, u bdew jgħajtu u jibku. U
bkew is-sultan u l-qaddejja tiegħu biki kbir ħafna.

37aAbsalom ħarab, u mar għand Talmaj bin Għammiħud, sultan ta' Gesur.

38U baqa' hemm tliet snin.

37U s-sultan baqa' mbikki għal ibnu għal dan iż-żmien kollu.

### David isejjaħ lura lil Absalom

39U s-sultan David kellu qalbu mittiekla mix-xewqa li jersaq lejn Absalom, għax
kien stabar wara l-mewt ta' Amnon.

## 2 Samwel 14

1U Ġowab bin Seruja sar jaf li qalb is-sultan daret favur Absalom.

2U Ġowab bagħat iġib minn Tekugħa mara għaqlija u qalilha: "Agħmel
tabirruħek vistuża, u ilbes il-vistu, u la tindilikx biż-żejt, imma ġib ruħek
bħallikieku mara ilha vistuża għal żmien għal xi ħadd mejjet.


© 2020 Malta Bible Society.

3 U mur għand is-sultan u kellmu u għidlu hekk u hekk." U Ġowab qiegħed il-kliem fuq fommha.

4 U l-mara minn Tekugħa marret għand is-sultan, inxteħtet għal wiċċha fl-art, tatu qima u qaltlu: "Għinni, sultan!"

5 U s-sultan qalilha: "X'għandek?" U hi wieġbet: "Jaħasra għalija! Żewġi mejjet!

6 Il-qaddejja tiegħek kellha żewġt itfal, u ġġieldu fir-raba', u ma kien hemm ħadd min iferraqhom, u wieħed darab lill-ieħor u qatlu.

7 U, ara, issa l-familja qamet kollha kontra l-qaddejja tiegħek u qaluli: 'Agħtina l-qattiel ta' ħuh, ħalli noqtluh u nitħallsu minnu tal-ħajja ta' ħuh, li hu qatel,' u hekk jeqirdu l-werriet ukoll u l-ġamra ħajja li baqagħli, u ma jħallux lil żewġi la isem u lanqas nisel fuq wiċċ l-art."

8 U s-sultan wieġeb lill-mara: "Mur f'darek, u naħseb jien għalik."

9 Imma l-mara minn Tekugħa wieġbet lis-sultan: "Fuqi l-ħtija, u fuq dar missieri, sidi s-sultan, u bla ħtija jkunu s-sultan u t-tron tiegħu!"

10 U s-sultan qalilha: "Min ikellmek, ġibu quddiemi, u ħadd ma għandu jħabbtek iżjed."

11 U l-mara wieġbet: "Ħa jsejjaħ is-sultan isem il-Mulej, Alla tiegħek, sabiex min għandu d-dritt tal-vendetta ma jżidx il-qerda, u ma joqtolx lil ibni." U hu qalilha: "Daqs kemm hu ħaj il-Mulej! Ma taqax fl-art xagħra waħda minn ibnek!"

12 U l-mara qaltlu: "Ħa żżid kelma waħda l-qaddejja tiegħek lil sidi s-sultan." U hu qalilha: "Tkellem."

13 U l-mara qalet: "Għala, mela, ħsibt ħaġa bħal din kontra l-poplu ta' Alla? Mela s-sultan qiegħed jikkundanna lilu nnifsu jekk ma jreġġax lura lil min biegħed minnu.

14 Għax aħna mmutu żgur, u bħalma l-ilma mxerred fl-art ma jinġabarx, hekk Alla ma jroddx lura l-ħajja. Ħa jara jaħsibx xi ħaġa s-sultan biex ma jibqax imbiegħed dak li biegħed minnu.

15 Issa jien ġejt inkellem lil sidi s-sultan u ngħidlu dan kollu, għax xi nies beżżgħuni, u jien ħsibt u għedt: 'Ħa tkellem il-qaddejja tiegħek lis-sultan, għandu mnejn is-sultan jagħmel li tgħidlu l-qaddejja tiegħu.

16 Għax żgur li s-sultan jagħti widen għall-qaddejja tiegħu, u jeħlisha minn idejn dan il-bniedem li jrid jeqred fl-istess ħin lili u lil ibni minn fost il-wirt ta' Alla.'

17 U l-qaddejja tiegħek għalhekk qalet: 'Ħa tkun il-kelma ta' sidi s-sultan kelma ta' paċi! Għax is-sultan sidi, bħal anġlu ta' Alla, jiżen it-tajjeb u l-ħażin.' Il-Mulej, Alla tiegħek, ikun miegħek!"

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

18U s-sultan wieġeb u qal lill-mara: "La taħbili xejn milli se nistaqsik." U wieġbet
il-mara: "Ha jitkellem sidi s-sultan."

19U s-sultan staqsieha: "Jaqaw f'dan kollu hemm miegħek id Ġowab?" U l-mara
wieġbet: "Fuq ħajtek, sidi s-sultan, ma hemm xejn iżjed, la lejn il-lemin lanqas
lejn ix-xellug, minn dak li qal is-sultan! Iva, Ġowab il-qaddej tiegħek kien li
ordnali dan, u hu stess qegħedli dan il-kliem kollu fuq fommi.

20Dan għamlu l-qaddej tiegħek Ġowab bl-għan li jdawwar din il-biċċa, u sidi hu
għaqli biżżejjed b'għaqal ta' anġlu ta' Alla biex jifhem kulma jsir fuq l-art."

21U s-sultan qal lil Ġowab: "Ara, mela, agħmel hekk: Mur ġib lura liż-żagħżugħ
Absalom."

22U Ġowab inxteħet wiċċu fl-art u qiem, u bierek lis-sultan u qal: "Illum il-qaddej
tiegħek jaf li sibt grazzja quddiemek, sidi s-sultan, għax qagħad is-sultan għall-
kelma tal-qaddej tiegħu."

23U Ġowab qam u mar Gesur u ġieb lil Absalom Ġerusalemm.

24U s-sultan qal: "Ha jmur f'daru, u ma jarax wiċċi." U Absalom mar f'daru bla ma
ra wiċċ is-sultan.

25Ma kienx hemm f'Iżrael kollu raġel ieħor sabiħ xi tfaħħar daqs Absalom; minn
qiegħ riġlejh sal-quċċata ta' rasu ma kien fih ebda għajb.

26Meta kien iqarweż rasu - u kien iqarwiżha għall-aħħar ta' kull sena għax kienet
ittaqqlu; għalhekk kien iqarwiżha - xagħar rasu kien jiżen mitejn xekel skont il-
miżien tas-sultan.

27Lil Absalom twildulu tliet subien u tifla, li kien jisimha Tamar; u din kienet
mara sabiħa ħafna fil-għajn.

28U kien ilu joqgħod Ġerusalemm sentejn sħaħ, u wiċċ is-sultan kien għadu ma
rahx.

29U Absalom bagħat għal Ġowab biex jibagħtu għand is-sultan, u dan ma marx
għandu; u raġa' bagħat għalih għat-tieni darba, u raġa' ma marx.

30U qal lill-qaddejja tiegħu: "Araw, l-għalqa ta' Ġowab qiegħda ħdejn tiegħi, u fiha
għandu x-xgħir. Morru u aħarquhulu." U l-qaddejja ta' Absalom taw in-nar lill-
għalqa.

31U Ġowab qam u mar għand Absalom f'daru u qallu: "Għaliex il-qaddejja tiegħek
taw in-nar lill-għalqa tiegħi?"

32U Absalom wieġbu: "Ara, bgħatt għalik biex ngħidlek: Ejja hawn ħa nibagħtek
għand is-sultan biex tgħidlu: 'Għalfejn ġejt minn Gesur? Kien ikun aħjar għalija
li bqajt hemm!' U issa ħa nara wiċċ is-sultan u jekk hemm xi ħtija fija, ħa joqtolni.'
"

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

33U Ġowab mar għand is-sultan u għarrfu b'kollox. U s-sultan sejjaħ lil Absalom, u dan mar għand is-sultan u nxteħet wiċċu fl-art quddiem is-sultan, u s-sultan bies lil Absalom.

## 2 Samwel 15

### It-tixwix ta' Absalom

1Ġara li, wara dan, Absalom għamel karozzella, u żwiemel bi gwardja ta' ħamsin raġel jiġru quddiemu.

2U Absalom kien ibakkar filgħodu, u joqgħod mal-ġenb tat-triq li tieħu għal bieb il-belt; kull min kien ikollu xi kwistjoni u jmur għand is-sultan biex jagħmillu ħaqq, Absalom kien isejjaħlu u jgħidlu: "Minn liema belt int?" U meta kien iwieġeb: "Minn waħda mit-tribujiet ta' Iżrael il-qaddej tiegħek,"

3Absalom kien jgħidlu: "Ara, int għandek raġun sewwa, iżda ma hemm ħadd min jagħmel ħaqq f'isem is-sultan."

4U Absalom kien jgħid: "Min se jagħmilni mħallef fil-pajjiż, biex jiġi għandi kull min ikollu xi kwistjoni jew kawża, u jien nagħmel il-ġustizzja miegħu?"

5Meta xi ħadd kien jersaq lejh biex jagħtih qima, kien imidd idu, jgħannqu u jbusu;

6u Absalom kien jagħmel hekk lill-Iżraelin kollha li kienu jmorru jitolbu l-ħaqq għand is-sultan, u Absalom seraq qalb in-nies ta' Iżrael.

7U ġara li, wara erba' snin, Absalom qal lis-sultan: "Ħa mmur u ntemm il-wegħda li għamilt lill-Mulej f'Ħebron.

8Għax il-qaddej tiegħek għamel wegħda meta ġejt lura minn Gesur f'Aram u għedt: 'Jekk il-Mulej ireġġagħni lura lejn Ġerusalemm, inqim lill-Mulej.' "

9U s-sultan qallu: "Mur bis-sliema;" u hu qam u mar Ħebron.

10U Absalom bagħat messaġġiera għand it-tribujiet ta' Iżrael jgħidulhom: "Malli tisimgħu leħen it-tromba, għidu: 'Absalom sultan f'Ħebron!' "

11U ma' Absalom marru mitejn raġel minn Ġerusalemm mistiedna minnu; marru bi ħsieb tajjeb, għax ma kienu jafu b'xejn.

12Absalom bagħat ukoll għal Aħitofel il-Giluni, kunsillier ta' David, mill-belt tiegħu ta' Gilu, hu u joffri s-sagrifiċċji. U hekk il-konfoffa ssaħħet, u l-poplu kompla żdied u mar ma' Absalom.

13U marru jgħarrfu lil David u jgħidulu: "Il-qalb tal-Iżraelin daret għal wara Absalom."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

14 U David qal lill-qaddejja kollha tiegħu li kienu miegħu Ġerusalemm: "Qumu, ħa
naħarbu, għax m'hemmx ħelsien għalina minn quddiem Absalom. Fittxu
għaġġlu, li ma jgħaġġilx aktar minna u jilħaqna u jġib il-ħsara fuqna, u jaħbat
għall-belt u jgħaddiha minn xifer ix-xabla."

15 U l-qaddejja tas-sultan qalulu: "Kulma jagħżel sidi s-sultan, hawn huma l-
qaddejja tiegħu!"

16 U ħareġ is-sultan u daru kollha bil-mixi; u ħalla s-sultan għaxar konkubini
jieħdu ħsieb id-dar.

17 U ħareġ is-sultan u n-nies tiegħu kollha bil-mixi u waqfu f'Bet-ħammerħaq.

18 U l-qaddejja tiegħu qagħdu maġenbu; u għaddew minn quddiem is-sultan il-
Keretin kollha, il-Peletin kollha u l-Gattin kollha - sitt mitt ruħ li kienu ġew bil-
mixi miegħu minn Gatt.

19 U s-sultan qal lil Ittaj il-Gatti: "Għaliex ġej int ukoll magħna? Erġa' lura u
oqgħod mas-sultan, għax int barrani, u, fuq kollox, eżiljat minn pajjiżek.

20 Int wasalt ilbieraħ, u jidhirlek int li llum jien għandi ngagħlek tiġġerra magħna
'l hemm u 'l hawn, meta jien stess lanqas naf fejn jien sejjer? Erġa' lura lejn darek,
u ħu miegħek lil niesek, u l-Mulej juri l-ħniena sħiħa u s-sewwa miegħek."

21 U wieġeb Ittaj lis-sultan u qallu: "Daqs kemm hu ħaj il-Mulej u ħaj sidi s-sultan,
fejn ikun hemm sidi s-sultan - għall-mewt jew għall-ħajja - hemm ikun il-qaddej
tiegħek."

22 U David wieġeb lil Ittaj: "Mur u għaddi 'l quddiem" u għadda Ittaj il-Gatti, u n-
nies kollha, u t-tfal kollha li kellu miegħu.

23 U l-pajjiż kollu beka biki kbir, hu u għaddej il-poplu kollu. U s-sultan qasam
mill-wied ta' Kedron, u l-poplu kollu għadda minn quddiemu mit-triq tad-deżert.

24 U, ara, magħhom kien hemm Sadok ukoll, u l-leviti kollha miegħu jġorru l-arka
tal-patt ta' Alla. U qiegħdu l-arka ta' Alla ħdejn Abjatar sakemm ħareġ mill-belt
il-poplu kollu.

25 U s-sultan qal lil Sadok: "Erġa' ħu l-arka ta' Alla fil-belt. Jekk insib ħniena
quddiem il-Mulej, huwa jreġġagħni lura, u naraha hemmhekk f'postha.

26 Iżda jekk jgħid: 'Ma għoġobtni xejn, ħa jagħmel bija li jogħġbu.' "

27 U ssokta jgħid is-sultan lil Sadok il-qassis: "Qiegħed tara? Erġa' lura lejn il-belt
bis-sliema; u ħu miegħek lil ibnek Aħimagħas u 'l Ġonatan bin Abjatar, iż-żewġ
uliedkom.

28 Araw! Jien noqgħod nistenna fil-mogħdijiet tad-deżert, sakemm tasalli xi
kelma jew aħbar mingħandkom."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

29U Sadok u Abjatar reġġgħu lura bl-arka ta' Alla Ġerusalemm u baqgħu hemm.

30U David tala' l-għolja taż-żebbuġ, tiela' u jibki, b'rasu mgħottija u miexi ħafi. U baqgħu telgħin u jibku, il-poplu kollu li kien miegħu, kulħadd b'rasu mgħottija.

31U 'l David ġew jgħarrfuh u jgħidulu: "Aħitofel ingħaqad mal-konfoffa ta' Absalom!" U David wieġeb: "Ġib fix-xejn, Mulej, il-fehma ta' Aħitofel!"

32Ġara li meta David kien wasal fuq il-quċċata fejn soltu jaduraw lil Alla, ifeġġ quddiemu Ħusaj l-Araki, ħabib ta' David, b'ilbiesu mċarrat u t-trab fuq rasu.

33U David qallu: "Jekk tibqa' ġej miegħi tkun ta' piż għalija,

34imma jekk terġa' lura lejn il-belt u tgħid lil Absalom: 'Qaddej tiegħek jien, sultan sidi! Fl-imgħoddi kont qaddej ta' missierek, imma issa qaddej tiegħek,' tkun tista' tħassar il-fehma ta' Aħitofel.

35Ara, miegħek ikun hemm il-qassisin Sadok u Abjatar u kulma tisma' f'dar is-sultan għaddih lill-qassisin Sadok u Abjatar.

36Hemm ukoll magħhom iż-żewġ uliedhom Aħimagħas bin Sadok u Ġonatan bin Abjatar; u kulma tisimgħu tibagħtu tgħiduhuli magħhom."

37Ħusaj, il-ħabib ta' David, wasal il-belt hu u dieħel Absalom Ġerusalemm.

## 2 Samwel 16

### Siba u David

1Xħin David kien tbiegħed ftit mill-quċċata tal-għolja, jara 'l Siba, il-qaddej ta' Mefiboset, ġej jilqgħu b'żewġt iħmir mixdudin, b'mitejn ħobża fuqhom u mitt għanqud żbib u mitt frotta mwaħħra u żaqq inbid.

2U s-sultan qal lil Siba: "Dan għalfejn?" U Siba wieġbu: "Il-ħmir biex jirkbu n-nies ta' dar is-sultan; u l-ħobż u l-frott imwaħħar biex jikluhom il-qaddejja; u l-inbid biex jixrob min ikun għeja jimxi fix-xagħri."

3U s-sultan staqsieh: "Fejn hu bin sidek?" U Siba wieġeb lis-sultan: "Ara, baqa' Ġerusalemm għax qal: Illum id-dar ta' Iżrael jagħtuni lura s-saltna ta' missieri."

4U s-sultan qal lil Siba: "Kulma għandu Mefiboset, kollu tiegħek!" U Siba wieġeb: "Inniżżel rasi quddiemek, jalla nsib ħniena quddiem sidi s-sultan."

### Simgħi u David

5U s-sultan David wasal sa Baħurim. U joħroġ minn hemm raġel mit-tribù tal-familja ta' Sawl, li kien jismu Simgħi bin Gera, miexi u jisħet,

6u jwaddab iż-żrar għal David u għall-qaddejja kollha tas-sultan David u l-kotra kollha; imma l-kotra kollha u l-qalbenin kienu madwaru fuq ix-xellug u fuq il-lemin.


© 2020 Malta Bible Society.

7U dan beda jgħid Simgħi hu u jisħet: "Itlaq 'l hemm! Itlaq 'l hemm, ja bniedem imċappas bid-demm, bniedem mill-agħar!

8Ħa jreġġa' fuqek il-Mulej id-demm kollu ta' dar Sawl, li dħalt issaltan floku, u jagħti l-Mulej is-saltna lil ibnek Absalom. Arak issa fl-għali tiegħek, għax int bniedem kollok dmija."

9U Abisaj bin Seruja qal lis-sultan: "Għala dan il-kelb mejjet qiegħed jisħet lil sidi s-sultan? Ħa mmur u naqtagħlu rasu barra!"

10U s-sultan wieġeb: "X'hemm bejni u bejnkom, ulied Seruja? Jekk qiegħed jisħet, qiegħed jisħet għax ordnalu l-Mulej: 'Isħet lil David'; u min jista' jgħidlu: 'Għax qiegħed tagħmel hekk?' "

11U David qal lil Abisaj u lill-qaddejja tiegħu kollha: "Araw, ibni li ħareġ mill-ġewwieni tiegħi, qiegħed ifittixli ħajti; kemm aktar issa, wieħed minn ulied Benjamin. Ħalluh jisħet, għax hekk ordnalu l-Mulej.

12Għandu mnejn il-Mulej jixħet għajnejh fuq l-hemm tiegħi u jroddli l-ġid flok is-saħta ta' llum."

13U David u l-qaddejja tiegħu baqgħu sejrin għal triqthom. U Simgħi baqa' miexi mal-ġenb tal-għolja biswitu, jimxi u jisħet, iwaddab iż-żrar u jtajjar it-trab.

14U s-sultan u l-kotra li kellu miegħu waslu għajjiena ħdejn il-Ġordan u waqfu jistrieħu hemm.

15U Absalom u l-kotra ta' Iżraelin li kellu miegħu waslu Ġerusalemm, u Aħitofel kien miegħu.

16U malli Ħusaj, l-Araki, il-ħabib ta' David, wasal għand Absalom, Ħusaj qal lil Absalom: "Viva s-sultan! Viva s-sultan!"

17U Absalom qal lil Ħusaj. "Din hi mħabbtek lejn ħabibek? Għaliex ma mortx ma' ħabibek?"

18U Ħusaj wieġeb lil Absalom: "Le! Għax jien lil min ħatar il-Mulej, il-poplu u l-bqija ta' Iżrael, tiegħu nkun, u miegħu noqgħod.

19U mbagħad lil min se naqdi, mhux lil ibnu? Bħalma qdejt lil missierek, hekk naqdi lilek."

20U Absalom qal lil Aħitofel: "Arawha bejnietkom: X'nagħmlu?"

21U Aħitofel wiegħbu: "Ersaq lejn in-nisa ta' missierek, li ħalla jieħdu ħsieb id-dar. U Iżrael kollu jsir jaf li ħkimt wirt missierek u b'hekk jitqawwew idejn min hu miegħek."

22U waqqfu għarix għal Absalom fuq is-setaħ, u Absalom resaq lejn in-nisa ta' missieru quddiem għajnejn Iżrael kollu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

23U l-parir, li Aħitofel kien jagħti dak iż-żmien, kien bħal min jistaqsi l-kelma ta' Alla; hekk kien il-parir ta' Aħitofel, kemm għal David u kemm għal Absalom.

## 2 Samwel 17

### Il-pjan ta' Aħitofel

1U Aħitofel qal lil Absalom: "Ħallini nagħżel tnax-il elf ruħ u naqbad u nitlaq għal wara David dan il-lejl.

2U nasal fuqu kif ikun għajjien u idejh mitluqa, u nwerwru; in-nies kollha li hemm miegħu jaħarbu, u jien nidrob is-sultan waħdu.

3U rreġġa' l-poplu kollu lejk, bħalma għarusa terġa' lura għal għand żewġha. Fl-aħħar mill-aħħar int il-ħajja ta' wieħed biss qiegħed tfittex, biex il-poplu kollu jkun fis-sliem."

4U dan il-kliem għoġob lil Absalom u lix-xjuħ kollha ta' Iżrael.

5Imma Absalom qalilhom: "Sejħu wkoll lil Ħusaj l-Araki, u nisimgħu xi jgħid hu wkoll."

6U Ħusaj ġie għand Absalom, u dan kellmu u qallu: "Dan u dan qal Aħitofel: nagħmlu kif qal? Jekk le, tkellem int."

7U Ħusaj wieġeb lil Absalom: "Din id-darba mhux tajjeb il-parir li ta Aħitofel."

8U Ħusaj issokta: "Int taf lil missierek u lil niesu; taf li huma nies qalbiena u qalbhom kollha mrar, bħall-orsa selvaġġa meta jeħdulha l-frieħ. Imbagħad missierek hu bniedem gwerrier, u mhux se jħalli l-poplu jintelaq.

9Żgur li bħalissa jinsab moħbi f'xi ħofra jew xi mkien ieħor. Jekk imbagħad joqtlu lil xi ħadd, mill-ewwel jisimgħu u jgħidu: 'Saret ħerba fost in-nies ta' Absalom'.

10U mqar il-bniedem qalbieni, ukoll jekk ikollu qalb ta' ljun, jintelaq żgur; għax Iżrael kollu jaf li missierek hu bniedem qalbieni, u n-nies tiegħu huma nies ta' ħila.

11Dan hu l-parir tiegħi: Ha jinġema' madwarek il-poplu kollu ta' Iżrael, minn Dan sa Birsaba f'kotra kbira daqs ir-ramel f'xatt il-baħar, u int timxi f'nofshom.

12Malli naslu fuqu f'wieħed mill-postijiet fejn jinsab, nintefgħu fuqu bħalma taqa' n-nida fuq l-art, u ma nħallu anqas wieħed, la minnu u lanqas min-nies li hemm miegħu.

13U jekk jinġabar f'xi belt, iġibu l-ħbula Iżrael kollu għal dik il-belt, u nkarkruha għal ġol-wied sakemm ma jifdal anqas żrara f'lokha."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

14U Absalom u n-nies kollha ta' Iżrael qalu: "Il-parir ta' Husaj l-Araki, aħjar mill-
parir ta' Aħitofel." Il-Mulej kien li ried ixejjen il-parir tajjeb ta' Aħitofel, għax il-
Mulej ried iġib l-għawġ fuq Absalom.

15U Husaj qal lil Sadok u lil Abjatar, il-qassisin: "Dan u dan il-parir ta' Aħitofel lil
Absalom u lix-xjuħ ta' Iżrael, u dan u dan il-parir li tajtu jien.

16Issa mela fittxu morru, u agħtu l-aħbar lil David, u għidulu: 'Tgħaddux il-lejl fil-
mogħdijiet tad-deżert, imma għaddu għan-naħa l-oħra, li ma jinqabdux is-sultan
u n-nies kollha li hemm miegħu."

17U Ġonatan u Aħimagħas kienu jistennew ħdejn Għajn-rogel, u kienet tmur
qaddejja u ġġibilhom l-aħbarijiet, u huma mbagħad kienu jmorru u jgħarrfu s-
sultan David; għax ma kinux jissugraw jidhru deħlin il-belt.

18Imma lemaħhom żagħżugħ u għarraf b'dan lil Absalom; u huma t-tnejn telqu
malajr u daħlu f'dar ta' wieħed raġel f'Baħurim, li kellu bir fil-bitħa, u niżlu fih.

19U l-mara qabdet biċċa u firxitha fuq il-bokka tal-bir, u xerrdet fuqha qamħ
misħuq, u ħadd ma ntebaħ b'xejn.

20U waslu l-qaddejja ta' Absalom għand il-mara tad-dar u staqsewha: "Fejn huma
Aħimagħas u Ġonatan?" U weġbithom il-mara: "Għaddew 'l hemm mill-ġibjun!"
Dawk fittxewhom u ma sabuhomx; u reġgħu lura lejn Ġerusalemm.

21Malli dawn telqu, l-oħrajn telgħu mill-bir u marru jgħarrfu lis-sultan David u
qalulu: "Qumu u aqsmu x-xmara, għax dan u dan kien il-parir ta' Aħitofel
kontrikom."

22U David qam bin-nies kollha li kellu miegħu u qasmu l-Ġordan; u sa ma sebaħ
filgħodu ma kien fadal anqas wieħed li ma kienx qasam il-Ġordan.

23U Aħitofel, meta ra li l-parir tiegħu ma seħħx, xedd il-ħmar, u qabad u mar id-
dar fil-belt tiegħu. Ta l-aħħar ordnijiet lil niesu, u tgħallaq, u miet, u difnuh
f'qabar missieru.

### Il-mewt ta' Absalom

24U David wasal Maħanajm; u Absalom qasam il-Ġordan, hu u n-nies kollha ta'
Iżrael miegħu.

25Absalom qiegħed lil Għamaxa minflok Ġowab fuq l-eżerċtu; Għamaxa kien bin
wieħed jismu Itra, Ismagħeli, li kien resaq lejn Abigajl, bint Ġesse u oħt Seruja,
omm Ġowab.

26U Iżrael u Absalom waqqfu l-kamp fl-art ta' Gilgħad.

27U ġara kif wasal David Maħanajm, Sobi bin Naħas minn Rabba tal-Għammonin,
u Makir bin Għammijel minn Lodebar, u Barżillaj il-Gilgħadi minn Rogelim,


© 2020 Malta Bible Society.

28 ġabulu ifirxa, ħsajjar, bwieqi, kwies tal-fuħħar, qamħ, xgħir, dqiq, u qamħ inkaljat, ful, għads inkaljat,

29 għasel, u butir, nagħaġ u ġbejniet tal-baqar; ġiebu kollox quddiem David u n-nies li kellu miegħu biex jieklu, għax qalu: "Dawn in-nies bil-ġuħ, għajjiena u għatxana fid-deżert."

## 2 Samwel 18

1 David għadd in-nies kollha li kellu, u qiegħed fuqhom kapijiet ta' elufijiet u kapijiet ta' mijiet.

2 Huwa qassam l-eżerċtu fi tlieta; ta waħda f'idejn Ġowab, oħra f'idejn Abisaj bin Seruja u ħu Ġowab, u t-tielet waħda lil Ittaj minn Gatt. Imbagħad is-sultan kellem lill-eżerċtu u qalilhom: "Jiena wkoll noħroġ magħkom."

3 Iżda huma weġbuh: "Ma toħroġx. Għax jekk ikollna naħarbu aħna, ħadd mhu se jħabbel rasu bina; u jekk imutu nofsna, ħadd mhu se jħabbel rasu bina. Imma inti tiswa daqs għaxart elef minna. Ikun aħjar jekk inti tibqa' ġewwa, lest biex tagħtina l-għajnuna mill-belt."

4 U s-sultan weġibhom: "Nagħmel kif jogħġob lilkom." Is-sultan qagħad ħdejn il-bieb, waqt li l-eżerċtu beda ħiereġ mija mija, u elf elf.

5 Is-sultan ordna lil Ġowab, lil Abisaj u lil Ittaj u qalilhom: "Mat-tifel Absalom ġibu ruħkom tajjeb minħabba fija!" L-eżerċtu kollu sama' l-kmand tas-sultan lill-kapijiet kollha dwar Absalom.

6 L-eżerċtu ħareġ fir-raba' kontra Iżrael, u qamet battalja kbira fil-foresta ta' Efrajm.

7 Hawn l-eżerċtu ta' Iżrael tfarrak quddiem il-qaddejja ta' David: dakinhar saret ħerba kbira; għoxrin elf ruħ intilfu.

8 Billi l-ġlied xtered mal-art kollha, dakinhar iktar qerdet nies il-foresta milli qerdet ix-xabla.

9 Absalom sab ruħu wiċċ imb wiċċ mal-qaddejja ta' David; kien riekeb fuq il-bagħal, u l-bagħal għadda minn taħt il-friegħi ta' balluta kbira; ras Absalom tħabblet mal-balluta, u hu baqa' mdendel bejn sema u art, filwaqt li l-bagħal li kien taħtu baqa' għaddej.

10 Kien hemm raġel li rah, u mar jgħarraf b'dan lil Ġowab. "Ara!" qallu, "rajt lil Absalom imdendel ma' balluta."

11 U Ġowab qal lir-raġel li tah l-aħbar: "U int rajtu, u għala ma waħħaltux hemm mal-art? Kont nagħtik għaxar bċejjeċ tal-fidda u ħżiem magħhom."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

12 U r-raġel wieġeb lil Ġowab: "Lanqas li kieku wżintli elf xekel tal-fidda fil-keffa ta' idejja ma kont immidd idi fuq bin is-sultan. Għax f'widnejna s-sultan ordna lilek, Abisaj u Ittaj u qalilkom: 'Ibżgħuli għat-tifel Absalom'.

13 Li kieku jien għamilt xi ħaġa ħażina minn rajja - u xejn ma kien jibqa' moħbi għas-sultan - int kont tqum kontra tiegħi."

14 U Ġowab wieġeb: "Imma jien m'iniex se noqgħod nistenna ċass quddiemek." U qabad tliet vleġeġ f'idejh u mar waħħalhom f'qalb Absalom, li kien għadu ħaj f'nofs il-balluta.

15 Imbagħad daru miegħu għaxar żgħażagħ, skudieri ta' Ġowab, darbuh u qatluh.

16 Imbagħad Ġowab daqq it-tromba, u l-eżerċtu ma baqax jiġri wara Iżrael, għax Ġowab żammhom.

17 U qabdu lil Absalom, u xeħtuh f'ħofra kbira fil-foresta, u tellgħu fuqu gozz ġebel kbir ħafna. U l-Iżraelin kollha ħarbu, kulħadd għall-għarix tiegħu.

18 U Absalom, meta kien għadu ħaj, kien waqqaf il-plier li hemm f'wied is-sultan għax qal: "Iben ma għandix biex ifakkar ismi." U dan il-plier semmieh b'ismu, u għadu jissejjaħ sal-lum: Il-Plier ta' Absalom.

## David jibki lil Absalom

19 U Aħimagħas bin Sadok qal: "Ħalli mmur niġri u nagħti l-bxara lis-sultan, għaliex il-Mulej illum għamillu ħaqq mill-għedewwa tiegħu."

20 U Ġowab qallu: "M'intix il-bniedem li tmur tagħti din il-bxara llum: tagħtiha jum ieħor. Illum ma twassalx il-bxara, għax bin is-sultan miet."

21 U Ġowab qal lill-Kusi: "Mur għid lis-sultan kulma rajt." U l-Kusi baxxa rasu quddiem Ġowab u mar jiġri.

22 Aħimagħas bin Sadok żied jgħid lil Ġowab: "Jiġri x'jiġri, ħa mmur niġri wara l-Kusi." U Ġowab qallu: "Għalfejn trid tmur tiġri int, ibni? Ebda ħlas għall-bxara ma hemm għalik."

23 U l-ieħor wieġeb: "Ikun xi jkun, sejjer niġri." "Mur iġri," qallu; u Aħimagħas telaq jiġri, u għadda mit-triq tal-wita, u għadda lill-Kusi.

24 David kien bilqiegħda bejn iż-żewġ bibien. L-għassies tala' fuq is-saqaf tal-bieb li kien hemm fuq is-sur u beda jħares, u malli dan lemaħ raġel riesaq jiġri waħdu,

25 l-għassies beda jgħajjat u mar jgħarraf lis-sultan b'dan. U s-sultan staqsieh: "Jekk inhu waħdu aħbar tajba għandu fuq fommu." U dak baqa' miexi u beda joqrob.

26 U l-għassies lemaħ raġel ieħor ġej jiġri, u għajjat lil tal-bieb u qallu: "Ara, ġej raġel jiġri waħdu." U s-sultan qal: "Dan ukoll b'aħbar tajba ġej."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

27U l-għassies żied jgħid: "Qiegħed nara li l-ġiri tal-ewwel wieħed jixbah il-ġiri ta' Aħimagħas bin Sadok." U s-sultan qal: "Dak raġel sewwa; u b'aħbar tajba ġej."

28U Aħimagħas għajjat u qal lis-sultan: "Is-sliem." U tbaxxa wiċċu fl-art quddiem is-sultan u qal: "Imbierek il-Mulej, Alla tiegħek, għaliex rażżan in-nies li refgħu idejhom fuq sidi s-sultan."

29U s-sultan staqsieh: "Kollox sewwa mat-tifel Absalom?" U Aħimagħas wieġeb: "Rajt rassa kbira hu u jibgħat Ġowab, il-qaddej tas-sultan, lili l-qaddej tiegħek; imma ma nafx x'kien hemm."

30Is-sultan qallu: "Mur fil-ġenb, u oqgħod hemm." Dak mar fil-ġenb, u qagħad hemm jistenna.

31U, ara, wasal il-Kusi u qal: "Aħbarijiet tajba hemm għal sidi s-sultan. Il-Mulej illum għamel ħaqq miegħek kontra dawk kollha li qamu għalik."

32U s-sultan staqsa lill-Kusi: "Absalom it-tifel, jinsab tajjeb?" Il-Kusi wieġeb: "Ħalli jiġrilhom bħal dak iż-żagħżugħ l-għedewwa ta' sidi s-sultan, u kull min iqum għalik biex jagħmillek id-deni!"

## 2 Samwel 19

1Imbagħad is-sultan qabditu rogħda. Tala' fil-kamra ta' fuq il-bieb, u hemm beda jibki u jgħajjat: "Ibni Absalom! Ibni! Ibni Absalom! Mhux li mitt jien minflokok. Absalom ibni! Ibni!"

### Ġowab ilum lil David

2U ħabbru lil Ġowab: "Ara, is-sultan qiegħed jibki u jitniehed minħabba Absalom."

3U r-rebħa ta' dakinhar inbidlet f'niket għall-eżerċtu kollu, għaliex dakinhar l-eżerċtu sama' min jgħid: "Is-sultan hu mgħolli minħabba f'ibnu."

4Dakinhar l-eżerċtu daħal bħal ħalliel fil-belt, bħalma jidħol eżerċtu maħrub wara xi battalja.

5Is-sultan kien għatta wiċċu u beda jgħajjat b'leħen qawwi: "Ibni Absalom! Absalom ibni, ibni!"

6U Ġowab daħal għand is-sultan id-dar u qallu: "Illum int ħammart wiċċ il-qaddejja tiegħek kollha, wara li llum salvawlek ħajtek, ħajjiet uliedek, subien u bniet, ħajjiet in-nisa tiegħek, u ħajjiet il-konkubini tiegħek.

7Int tħobb lil dawk li jobogħduk, u tobgħod lil dawk li jħobbuk. Urejtna llum li għalik ma hemmx kapijiet u qaddejja. Illum sirt naf li kieku Absalom għadu ħaj, u aħna, ilkoll kemm aħna, mejtin, għalik kollox kien ikun sewwa.


© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

8U issa qum u oħroġ, kellem u agħmel il-qalb lill-qaddejja tiegħek, għaliex,
naħliflek jien bil-Mulej, li jekk ma toħroġx ma jibqax bniedem wieħed miegħek
dal-lejl! U għalik dan ikun għawġ akbar minn kull għawġ li qatt laħqek minn
żgħożitek sal-lum."

9U s-sultan qam u qagħad fil-bieb; u għarrfu lin-nies kollha u qalulhom: "Araw,
is-sultan qiegħed fil-bieb!" U l-poplu kollu mar quddiem is-sultan.

### David mill-ġdid f'Ġerusalemm

Iżrael ħarbu lkoll, kulħadd lejn l-għarix tiegħu.

10U l-poplu kollu fit-tribujiet ta' Iżrael kienu qegħdin jitlewmu u jgħidu: "Is-
sultan ħelisna minn id l-għedewwa tagħna; ħelisna mill-ħakma tal-Filistin; u issa
kellu jaħrab mill-pajjiż minħabba Absalom.

11U Absalom li kkonsagrajna sultan fuqna miet fil-ġlied. Issa mela għala qegħdin
titlajjaw biex treġġgħu lura s-sultan f'daru?"

12U David bagħat jgħid lil Sadok u lil Abjatar, il-qassisin: "Kellmu lix-xjuħ ta'
Ġuda u għidulhom: 'Għaliex tridu tkunu l-aħħar nies li treġġgħu lura s-sultan
f'daru?' Għax l-għajdut ta' Iżrael kollu wasal għand is-sultan f'daru.

13Intom ħuti, għadmi u laħmi! Għaliex mela tridu tkunu l-aħħar nies li treġġgħu
lura s-sultan?'

14U lil Għamaxa għidulu: 'M'intix jaqaw għadmi u laħmi? Hekk jagħmilli Alla u
aktar minn hekk, jekk ma ssirx kmandant tal-eżerċtu għal dejjem quddiemi
minflok Ġowab.' "

15B'hekk dawwar qalb in-nies kollha ta' Ġuda bħal bniedem wieħed, u bagħtu
jgħidu lis-sultan: "Erġa' ejja, inti u l-qaddejja kollha tiegħek."

16U s-sultan raġa' lura, u wasal sal-Ġordan, filwaqt li n-nies ta' Ġuda kienu waslu
sa Gilgal, biex imorru jilqgħuh u jgħadduh il-Ġordan.

17Simgħi bin Gera, mit-tribù ta' Benjamin, minn Baħurim, ħaffef u niżel man-nies
ta' Ġuda jilqa' lis-sultan David.

18Kellu miegħu elf raġel minn Benjamin, u Siba, iż-żagħżugħ mid-dar ta' Sawl, u
ħmistax-il tifel tiegħu u l-għoxrin qaddej tiegħu; u qasmu l-Ġordan bilġri qabel
is-sultan,

19u għaddew għan-naħa l-oħra biex jgħaddu lin-nies ta' dar is-sultan, u jagħmlu
dak li kien jidhirlu tajjeb f'għajnejh. U Simgħi bin Gera nxteħet quddiem is-sultan
kif qasam il-Ġordan

20u qal lis-sultan: "La tħallasnix għall-ħsara, u la tiftakarx id-deni li għamel il-
qaddej tiegħek, dak in-nhar li sidi ħareġ minn Ġerusalemm; ma jżommux f'qalbu
sidi s-sultan!


© 2020 Malta Bible Society.

21Għax il-qaddej tiegħek jaf li jiena dnibt; u, arani, ġejt illum l-ewwel wieħed
mid-dar ta’ Ġużeppi u nżilt niltaqa’ ma’ sidi s-sultan.”

22U wieġeb Abisaj bin Seruja u qal: “B’daqshekk jaqaw m’għandux imut Simgħi,
li seħet il-midluk tal-Mulej?”

23U David wieġeb: “X’hemm bejni u bejnkom, ulied Seruja, biex tkunu għalija ta’
xkiel? Illum imbagħad għandu jmut xi ħadd f’Iżrael? Forsi ma nafx li llum sirt
sultan ta’ Iżrael?”

24U s-sultan ħaliflu u qallu “Ma tmutx!”

25U Mefiboset bin Sawl niżel jiltaqa’ mas-sultan. La kien ħa ħsieb riġlejh, u lanqas
qaxxar il-leħja, lanqas ħasel ħwejġu minn dakinhar li s-sultan telaq sa ma raġa’
lura bis-sliem.

26Meta għalhekk ġie minn Ġerusalemm jiltaqa’ mas-sultan, is-sultan qallu:
“Għala ma ġejtx miegħi, Mefiboset?”

27U wieġeb: “Sultan sidi, qarraq bija l-qaddej tiegħi. Il-qaddej tiegħek qallu: ‘Ha
nxidd il-ħmara u nirkeb, u mmur mas-sultan,’ għax il-qaddej tiegħek zopp.

28Imma hu qala’ ħafna qlajja’ fuq il-qaddej tiegħek ma’ sidi s-sultan. Iżda, sultan
sidi, int bħal anġlu ta’ Alla; agħmel dak li jidhirlek li hu tajjeb.

29Għax id-dar ta’ missieri, niesha lkoll kemm huma, ma kienx ħaqqhom ħlief il-
mewt minħabba sidi s-sultan, imma int qegħedt il-qaddej tiegħek fost dawk li
jieklu mill-mejda tiegħek. X’jedd għandi jien iżjed li nittallab minn quddiem is-
sultan.”

30U s-sultan qallu: “Għalfejn dan il-kliem kollu? Qtajtha: Int u Siba taqsmu r-raba’
bejnietkom.”

31U Mefiboset wieġeb lis-sultan: “Ha jieħu mqar kollox, issa li sidi s-sultan raġa’
daħal f’daru bis-sliem!”

### David ibierek lil Barżillaj

32U Barżillaj, il-Gilgħadi, niżel minn Rogelim; u wassal is-sultan sal-Ġordan, biex
isellimlu u jitilqu minn hemm.

33Barżillaj kien xiħ ħafna, kellu tmenin sena, u hu kien li tama’ lis-sultan kemm
dam f’Maħanajm, għax kien bniedem jagħmilha tajjeb ħafna.

34U s-sultan qal lil Barżillaj: “Int ejja miegħi, u jien nitimgħek miegħi
Ġerusalemm.”

35Imma Barżillaj qal lis-sultan: “Kemm baqagħli snin x’ngħix biex noqgħod nitla’
Ġerusalemm għand is-sultan?

36Jiena llum għandi t-tmenin sena tiegħi; nista’ jien nagħraf it-tajjeb u l-ħażin?
Jew jista’ l-qaddej tiegħek jiggosta li jiekol jew jixrob? Jew nista’ jien nisma’ l-

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

leħen tal-għannejja rġiel jew nisa? U għala l-qaddej tiegħek għandu jkun ta' piż
għal sidi s-sultan?

37 Ħa jwassal xi ftit il-qaddej tiegħek lis-sultan sal-Ġordan. Għaliex is-sultan
għandu jħallasni b'dan il-ħlas?

38 Ħa jarġa' lura l-qaddej tiegħek, u mmut fil-belt tiegħi ħdejn qabar missieri u
ommi. Iva hawn Kimħam; ħa jgħaddi ma' sidi s-sultan, u agħmel miegħu dak li
jidhirlek tajjeb f'għajnejk."

39 U s-sultan qal: "Ħa jiġi mela miegħi Kimħam, u jien nagħmel miegħu kulma
jidhirlek tajjeb f'għajnejk, u kulma tixtieq minni nagħmilhulek."

40 U l-poplu kollu qasam il-Ġordan waqt li s-sultan baqa' jistenna. Imbagħad is-
sultan bies lil Barżillaj u bierku, u dan raġa' lura f'pajjiżu.

41 U s-sultan qasam għan-naħa ta' Gilgal u miegħu qasam ukoll Kimħam; u l-
poplu kollu ta' Ġuda u nofs il-poplu ta' Iżrael għaddew mas-sultan.

### In-nies ta' Ġuda jitlewmu man-nies ta' Iżrael

42 U, ara, in-nies ta' Iżrael marru lkoll għand is-sultan u qalulu: "Għaliex ħutna ta'
Ġuda ħatfuk minna u għaddew mill-Ġordan lis-sultan u 'l daru kollha miegħu u
n-nies ta' David kollha miegħu?"

43 U wieġbu lkoll in-nies ta' Ġuda lin-nies ta' Iżrael: "Għax is-sultan hu qaribna.
Għala ħadtuha bi kbira daqshekk? Jaqaw kilna xi ħaġa mingħand is-sultan jew
ħadna xi sehem għalina?"

44 In-nies ta' Iżrael wieġbu lin-nies ta' Ġuda u qalulhom: "Aħna għandna jedd
għaxar darbiet aktar fuq is-sultan; u għal David ukoll ħabrikna aktar minnkom.
Għaliex mela ma tajtux kasna? Ma konniex aħna l-ewwel li tkellimna biex
irreġġgħu lura s-sultan tagħna?" Imma kliem in-nies ta' Ġuda kien eħrex minn
kliem in-nies ta' Iżrael.

## 2 Samwel 20

### It-tixwix ta' Seba

1 Kien hemm raġel mill-agħar jismu Seba bin Bikri, mit-tribù ta' Benjamin. Dan
daqq it-tromba u qal: "Ma għandniex x'naqsmu ma' David; Ma għandniex x'nirtu
ma' bin Ġesse! Kulħadd għal għarixu, o Iżrael!"

2 U n-nies kollha ta' Iżrael telqu lil David, u telgħu wara Seba bin Bikri; u n-nies
ta' Ġuda baqgħu mqabbdin mas-sultan tagħhom mill-Ġordan sa Ġerusalemm.

3 U David mar f'daru f'Ġerusalemm; u s-sultan ħa l-għaxar nisa konkubini li kien
ħalla biex jieħdu ħsieb id-dar u għalaqhom f'dar imgħassa. Kien jagħtihom jieklu,

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

imma qatt ma kien jersaq lejhom, u baqgħu magħluqin fl-aħjar ta' ħajjithom sa ma mietu romol.

### Il-mewt ta' Għamaxa

4Is-sultan qal lil Għamaxa: "Sejjaħli n-nies ta' Ġuda fi żmien tlitt ijiem, u int qis li tkun hawn ukoll."

5U Għamaxa mar isejjaħ lin-nies ta' Ġuda, imma dam iżjed miż-żmien li kien tah is-sultan.

6U David qal lil Abisaj: "Issa Seba bin Bikri se jkunilna ta' ħsara aktar minn Absalom. Int ħu l-qaddejja ta' sidek u agħmel għal warajh, li ma jmurx jieħu f'idejh l-ibliet bis-swar u jgħib minn taħt għajnejna."

7U ħarġu wara Abisaj in-nies ta' Ġowab, il-Keretin, il-Peletin u n-nies ta' ħila; ilkoll ħarġu minn Ġerusalemm u telqu għal wara Seba bin Bikri.

8Kif kienu ħdejn il-ġebla l-kbira li hemm f'Gibgħon, ġie Għamaxa quddiemhom. Ġowab kellu fuqu l-libsa ta' suldat u fuqha ħżiem b'xabla fl-għant tagħha mdendla ma' ġenbu; u x-xabla ħarġet u waqgħet.

9U Ġowab qal lil Għamaxa: "Intix tajjeb, ħi?" U b'idu l-leminija Ġowab qabad il-leħja ta' Għamaxa biex ibusu.

10U Għamaxa ma ntebaħx bix-xabla li kienet f'id Ġowab; u dan nifdu f'żaqqu u xerridlu msarnu fl-art, u miet bla ma tah daqqa oħra. U Ġowab u ħuh Abisaj telqu għal wara Seba bin Bikri.

11Wieħed mill-irġiel ta' Ġowab qagħad ħdejn Għamaxa u għajjat; "Min iħobb lil Ġowab u jżomm ma' David, imur wara Ġowab."

12Għamaxa kien mgħargħar f'demmu f'nofs it-triq u r-raġel intebaħ li l-poplu kollu kien jieqaf iħares, għalhekk gerbeb lil Għamaxa mit-triq għal ġo għalqa, u xeħet biċċa ħwejjeġ fuqu, meta ra li kull min kien jersaq lejh kien jieqaf.

13Meta kien neħħieh minn nofs it-triq, kulħadd baqa' għaddej għal wara Ġowab biex imorru jiġru wara Seba bin Bikri.

### Il-mewt ta' Seba

14Seba għadda mit-tribujiet kollha ta' Iżrael, wasal f'Abel-bet-magħka, inġabru l-Bikrin kollha u marru lkoll warajh.

15U waslu Ġowab u n-nies tiegħu, u għalquh f'Abel-bet-magħka, u tellgħu rampa madwar il-belt; u n-nies kollha li kienu ma' Ġowab bdew jgħawru biex iġarrfu s-swar.

16Imbagħad mara jilħqilha bdiet tgħajjat mill-belt: "Isimgħu! Isimgħu! Għidu lil Ġowab jersaq 'l hawn ħa nkellmu."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[17]U resaq lejha u l-mara qaltlu: "Intix Ġowab?" U weġibha: "Jiena hu." U hi qaltlu:
"Isma' l-kelma tal-qaddejja tiegħek." U hu qalilha: "Qiegħed nisma' "

[18]U ssuktat tkellmu u tgħidlu: "Dari kienu jgħidu: 'Morru staqsu f'Abel', u kollox
kien jissewwa.

[19]Jiena belt is-sliem u s-sewwa f'Iżrael. U int tfittex li teqred belt u omm f'Iżrael?
Għaliex trid teqred wirt il-Mulej?"

[20]U Ġowab wieġeb u qal: "Ma jkun qatt minni li nġarraf u neqred!

[21]Mhux din il-biċċa, imma wieħed ġej mill-muntanji ta' Efrajm, jismu Seba bin
Bikri, rafa' idejh fuq is-sultan David. Agħtina lilu waħdu f'idejna, u jien
nitbiegħed mill-belt." U l-mara qalet lil Ġowab: "Ara, nixħetlek rasu minn fuq is-
sur."

[22]U l-mara daħlet il-belt, u kellmet lill-poplu kollu bil-għaqal. Imbagħad qatgħu
ras Seba bin Bikri, u waddbuha lil Ġowab. Ġowab daqq it-tromba, u tbiegħdu
minn ħdejn il-belt, kulħadd lejn għarixu. U mar Ġowab Ġerusalemm għand is-
sultan.

### L-uffiċjali ta' David

[23]Ġowab kien il-kmandant tal-eżerċtu, u Banaja bin Ġeħojada kien jikkmanda l-
Keretin u l-Peletin;

[24]Adoram kien jieħu ħsieb ix-xogħol ta' bilfors; Ġosafat bin Aħilud kien
segretarju.

[25]Sewa kien skriba: Sadok u Abjatar qassisin;

[26]U Għira l-Ġajri kien ukoll qassis ta' David.

## 2 Samwel 21

### David u l-Gibgħonin

[1]Kien hemm l-għaks fi żmien David għal tliet snin wara xulxin, u David mar jitlob
quddiem il-Mulej, u l-Mulej qallu: "Hemm id-demm fuq Sawl u d-dar tiegħu, talli
qatel il-Gibgħonin."

[2]Is-sultan David sejjaħ lill-Gibgħonin. Issa l-Gibgħonin ma kinux minn ulied
Iżrael, imma l-fdal tal-Amurrin, u minkejja li wlied Iżrael kienu ħalfulhom li
jħalluhom, Sawl fittex li jeqridhom minħabba l-ħeġġa li kellu għal ulied Iżrael u
Ġuda.

[3]U David staqsiehom: "X'għandi nagħmel għalikom? Biex nista' npattilkom, ħalli
intom tbierku wirt il-Mulej?"

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

4U l-Gibgħonin wieġbu: "Bejnna u bejn Sawl u daru mhijiex biċċa ta' fidda u deheb, u anqas ma rridu l-mewt ta' xi ħadd minn fost Iżrael." U hu staqsiehom: "X'tgħiduli nagħmel għalikom, mela?"

5U huma wieġbu lis-sultan: "Ħa jagħtuna sebat irġiel minn ulied il-bniedem li qeridna u ried iġibna fix-xejn biex ma nibqgħux ħajjin fl-art kollha ta' Iżrael;

6imbagħad noqtluhom aħna quddiem il-Mulej f'Gibgħa ta' Sawl, il-magħżul tal-Mulej." U s-sultan wieġeb: "Nagħtihomlkom jien stess!"

7Imma s-sultan ħenn għal Mefiboset bin Ġonatan, bin Sawl, minħabba l-ħalfa tal-Mulej li kien hemm bejniethom, bejn David u bejn Ġonatan bin Sawl.

8U s-sultan ħa ż-żewġ ulied ta' Risfa bint Ajja, li kienet wildet lil Sawl: Armoni u Mefiboset, u l-ħames ulied ta' Mikal bint Sawl, li kienet weldithom lil Għadrijel bin Barżillaj il-Meħoli,

9u telaqhom f'idejn il-Gibgħonin, u dawn qatluhom fuq l-għolja quddiem il-Mulej, u mietu s-sebgħa flimkien. Qatluhom fl-ewwel jiem tal-ħsad, fil-bidu ta' ħsad ix-xgħir.

### Id-difna ta' Sawl u Ġonatan

10Risfa bint Ajja ħadet xkora, u firxitha bħal tinda għaliha, mill-bidu tal-ħsad sakemm ma niżlitx ix-xita fuqhom mis-sema, u ma ħallietx it-tajr tal-ajru jinżlu fuqhom binhar, u l-bhejjem selvaġġi billejl.

11U 'l David qalulu b'kulma għamlet Risfa bint Ajja, il-konkubina ta' Sawl.

12U David mar u ġabar l-għadam ta' Sawl u l-għadam ta' ibnu Ġonatan mingħand in-nies ta' Ġabes-gilgħad, li kienu ħatfuhom mill-misraħ ta' Betsan fejn kienu dendluhom il-Filistin, meta dawn rebħu lil Sawl f'Gilbogħa.

13U talla' minn hemm l-għadam ta' Sawl u ibnu Ġonatan; ġabar ukoll l-għadam ta' dawk li kienu mdendlin.

14Imbagħad difnu l-għadam ta' Sawl u Ġonatan fl-art ta' Benjamin f'Sela, fil-qabar ta' Kis, missieru. Għamlu kulma kien ordna s-sultan, u wara dan kollu Alla ġietu ħniena mill-pajjiż.

### Il-ġlied mal-Filistin

15U raġa' qam il-ġlied bejn il-Filistin u Iżrael, u David niżel bil-qaddejja tiegħu u tqabdu mal-Filistin, u David kien għajjien.

16Kien hemm Benob, wieħed minn ulied Rafa, li kellu lanza tiżen tliet mitt xekel tal-bronż u mħażżem b'xabla ġdida. Dan għamel f'rasu li joqtol lil David.

17Imma ġie jgħinu Abisaj bin Seruja, u darab il-Filisti u qatlu. Imbagħad ħalfu n-nies ta' David u qalulu: "Ma toħroġx iżjed magħna għall-ġlied, inkella jintefa d-dawl ta' Iżrael."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

18Wara dan raġa' qam il-ġlied mal-Filistin f'Ġob. U Sibbekaj minn Ħusa darab lil
Saf, li kien minn ulied Rafa.

19Raġa' qam il-ġlied f'Ġob mal-Filistin, u Elħanan bin Ġagħir-ġoregim minn
Betlehem darab lil Gulija l-Gatti, li kellu l-għuda tal-lanza bħal motwa tan-
nissieġa.

20Kien hemm ukoll il-gwerra f'Gatt, u kien hemm raġel twil b'sitt iswaba' f'kull
id u f'kull sieq, erbgħa u għoxrin b'kollox; dan ukoll kien minn nisel Rafa.

21U kien iżeblaħ lil Iżrael, imma qatlu Ġonatan bin Simgħi, ħu David.

22Dawn l-erbgħa twieldu lil Rafa f'Gatt, u mietu b'id David u b'id il-qaddejja
tiegħu.

# 2 Samwel 22

### Radd il-ħajr ta' David

1Dakinhar li l-Mulej ħelsu minn idejn l-għedewwa tiegħu u minn idejn Sawl,
David lissen lill-Mulej il-kliem ta' din l-għanja.

2U hu qal: "Il-Mulej il-blata tiegħi, il-fortizza u l-ħellies tiegħi.

3Alla tiegħi, sur tal-kenn tiegħi u tarka tiegħi; qawwa tas-salvazzjoni tiegħi u
kenn tiegħi! Hellies tiegħi, mill-vjolenza jeħlisni.

4Insejjaħ lill-Mulej, hu ta' min ifaħħru, u nkun meħlus mill-għedewwa tiegħi.

5Imwieġ tal-mewt ħakmuni, widien tal-biża' werwruni,

6ħbula tal-imwiet dawruni, xbiek il-mewt inqaleb fuqi.

7Fl-hemm tiegħi lill-Mulej sejjaħt, tlabt l-għajnuna 'l Alla tiegħi, hu sama' leħni
mit-tempju tiegħu, f'widnejh waslet l-għajta tiegħi.

8Tqanqlet u theżżet l-art, triegħdu s-sisien tas-smewwiet, u tqanqlu bis-saħna
tal-korla tiegħu.

9Duħħan ħareġ minn imnifsejh, u nar li jħarbat minn fommu, minnu jarmi ilsna
tan-nar.

10Feraq is-smewwiet u niżel, bi ċpar iswed taħt riġlejh.

11Fuq kerubin rikeb u tar, u deher fuq ġwienaħ ir-riħ.

12Bid-dlam insatar bħal b'libsa, sħab iswed u magħqud l-għarix tiegħu.

13Mid-dija ta' quddiemu sħab joħroġ, u ilsna tan-nar ħarġu mill-ġamar.

14Riegħed il-Mulej mis-smewwiet, l-Għoli samma' leħnu.

15Telaq il-vleġeġ tiegħu u xerridhom, għamel il-beraq u ħarrabhom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

16U dehru qigħan il-baħar, inkixfu s-sisien tal-art, mat-theddida tal-Mulej, man-
nefħa ta' mnifsejh.

17Mill-għoli medd idu u ħatafni, ħariġni minn baħar ta' ilma.

18Mill-għedewwa b'saħħithom ħelisni, mill-għedewwa li jifilħu aktar minni.

19Ġew fuqi f'siegħa ħażina, iżda l-Mulej waqaf miegħi.

20Ħariġni 'l barra fil-wisa', ħelisni, għax lili jħobbni.

21Ħallasni l-Mulej skont il-ġustizzja tiegħi, raddli skont is-safa ta' jdejja.

22Għax jien żammejt triqat il-Mulej, ma tbigħedtx bid-dnub minn Alla tiegħi.

23Quddiemi huma d-digrieti kollha tiegħu; ma warrabtx minni l-preċetti tiegħu.

24Bla tebgħa kont quddiemu, mill-ħtija ħarist lili nnifsi.

25Raddli l-Mulej skont il-ġustizzja tiegħi, skont is-safa ta' jdejja li ra b'għajnejh.

26Ma' min hu tajjeb, int timxi bit-tajjeb, ma' min hu bla ħtija, inti timxi bla ħtija.

27Ma' min hu safi, int timxi bis-safa, ma' min jgħawweġ, timxi bl-għaqal.

28Għax inti ssalva 'l-poplu fqajjar, u l-għajnejn kburin tbaxxihom.

29Int tixgħel, Mulej, il-musbieħ tiegħi; Alla tiegħi jdawwal id-dlam tiegħi.

30Bik jien negħleb il-qtajja' tal-għedewwa; bl-għajnuna ta' Alla tiegħi nirbaħ is-
swar!

31Dritta hi t-triq ta' Alla; safja hi l-kelma tal-Mulej. Tarka huwa Alla għal kull min
jistkenn fih.

32Għax min hu Alla ħlief Jaħweh? U min hu blata ħlief Alla tagħna?

33Hu Alla, hu l-kenn qawwi tiegħi, hu li jeħles lil min hu sewwa fi triqtu.

34Bħal taċ-ċriev jagħmilli riġlejja, fuq l-għoljiet fis-sod iqegħedni.

35Idejja jħarriġli għat-taqbida; ark tal-bronż imiddu dirgħajja.

36Int tajtni t-tarka tas-salvazzjoni tiegħek; l-għajnuna tiegħek kabbritni;

37Int wessajtli t-triq quddiemi, u ma tfixklux riġlejja.

38Neħodha għal wara l-għedewwa u nilħaqhom; ma nerġax lura qabel
neqridhom.

39Nagħtihom daqqa, ma jqumux iżjed minnha; jaqgħu mirbuħa taħt riġlejja.

40Int tħażżimni bil-qawwa għat-taqbida, taħti titfa' 'l dawk li jqumu għalija.

41Iġġiegħel l-għedewwa jaħarbu quddiemi; jien neqred 'il dawk li jobogħduni.


© 2020 Malta Bible Society.

42Jgħajtu għall-għajnuna, u ħadd ma jgħinhom, lill-Mulej isejħu, u ma jweġibhomx.

43Bħat-trab tal-art nagħmilhom, bħat-tajn tat-triqat ngħaffeġ fuqhom.

44Int teħlisni minn poplu ġellied, fuq il-ġnus inti tqegħedni; u poplu, li ma nafux, jaqdini.

45Il-barranin jinxteħtu sal-art quddiemi; malli jisimgħu bija, joqogħdu għalija.

46Il-barranin jaqgħu mifnija, joħorġu mwerwra mill-fortizza tagħhom.

47Ħaj il-Mulej! Imbierek hu, il-Blata tiegħi! Ikun imfaħħar Alla tas-salvazzjoni tiegħi!

48Alla, li għenni biex tħallast mill-għedewwa, li qegħedli l-ġnus taħt riġlejja!

49Int teħlisni mill-għedewwa tiegħi, tqegħedni fuq min jaħbat għalija, teħlisni min-nies tad-dnewwa.

50Għalhekk infaħħrek fost il-ġnus, Mulej, u ngħanni t-tifħir ta' ismek.

51Hu jkabbar ir-rebħ lis-sultan tiegħu, juri mħabbtu mal-midluk tiegħu; ma' David u nislu għal dejjem."

## 2 Samwel 23

### L-aħħar kliem ta' David

1Dan huwa l-aħħar kliem ta' David, l-oraklu ta' David, bin Ġesse, l-oraklu tal-bniedem li Alla għolla, il-prinċep midluk ta' Alla ta' Ġakobb, l-għannej ħelu ta' Iżrael:

2"L-ispirtu tal-Mulej jitkellem bija, u kelmtu fuq ilsieni.

3Jitkellem Alla ta' Ġakobb, il-Blata ta' Iżrael kellimni: 'Min jaħkem fil-biża' ta' Alla,

4hu bħad-dawl taż-żerniq ma' tlugħ ix-xemx, għodwa bla sħab, li tnibbet wara x-xita l-ħaxix.'

5Sħiħa hi dari quddiem Alla; għax patt għal dejjem għamel miegħi; f'kollox imħejji u mħares tajjeb. Għax mhux hu li jnissilli s-salvazzjoni u l-għaqda tiegħi kollha?

6Il-ħżiena lkoll bħal xewk mormi, ħadd ma jiġbru bl-id;

7u anqas imisshom jekk mhux b'ħadida jew b'għuda ta' lanza, u jeqridhom u bin-nar jaħraqhom."

### Il-qalbenin ta' David


© 2020 Malta Bible Society.

8Dawn huma l-ismijiet tal-qalbiena ta' David: Isboset il-Ħakmuni, l-aqwa fost it-tlieta: hu li venven il-lanza tiegħu fuq tmien mitt raġel, u qatilhom f'darba waħda.

9Warajh jiġi Elgħażar bin Dodu, l-Aħoħi, wieħed mit-tliet qalbenin. Kien ma' David f'Pas-dammim, meta l-Filistin inġabru għall-ġlied; l-Iżraelin reġgħu lura,

10imma hu baqa' f'postu jagħti fuq il-Filistin sakemm idu għejiet u bbieset max-xabla. Dak in-nhar il-Mulej għamel rebħa kbira; imbagħad il-poplu mar warajh għall-priża biss.

11U mbagħad warajh kien hemm Samma bin Agi, il-Ħarari. Kienu nġabru l-Filistin f'Leħi, fejn kien hemm għalqa mimlija għads. Il-poplu kien ħarab minn quddiem il-Filistin,

12imma hu baqa' hemm wieqaf f'nofs l-għalqa, ħelisha, u ħarbat lill-Filistin. U dak in-nhar il-Mulej għamel rebħa kbira.

13Tlieta minn fost it-tletin il-kbar kienu niżlu fil-bidu tal-ħsad ħdejn David, fl-għar ta' Għadullam. Il-Filistin kienu fil-kamp fil-wied ta' Refajn.

14David kien fil-fortizza, u f'Betlehem kien hemm l-għases Filistin.

15David ġietu xewqa u qal: "Min se jisqini mill-ilma tal-bir li hemm fil-bieb ta' Betlehem?"

16It-tliet qalbenin qasmu minn nofs il-kamp tal-Filistin, u mlew l-ilma mill-bir fil-bieb ta' Betlehem, u qabduh u ġabuh lil David. Imma hu ma riedx jixorbu, u sawbu fl-art b'offerta lill-Mulej,

17u qal: "Iħarisni l-Mulej milli nagħmel dan: nixrob jien id-demm ta' nies li marru jtarrfu ħajjithom?" Għalhekk ma riedx jixrob. Dan hu li għamlu t-tliet qalbenin.

18L-aqwa fost it-tletin kien Abisaj, ħu Ġowab bin Seruja, hu li kien venven il-lanza tiegħu fuq tliet mitt ruħ u qeridhom u għamel isem fost it-tletin.

19Hu li kellu fost it-tletin l-akbar ġieħ u sar il-kmandant tagħhom, imma ma laħħaqx mat-tlieta.

20Benaja bin Ġeħojada minn Kabsel, raġel ta' ħila li għamel ħafna ħwejjeġ tal-għaġeb. Kien hu li għeleb iż-żewġ ulied ta' Arijel ta' Mowab. Kien hu wkoll li niżel u qatel l-iljun f'nofs il-ġiebja dakinhar li għamel is-silġ.

21Kien hu li qatel lil wieħed Eġizzjan: dan l-Eġizzjan kien twil ħafna u f'idu kellu lanza; iżda hu niżel għalih bil-ħatar, ħa l-lanza minn id l-Eġizzjan, u qatlu bil-lanza tiegħu stess.

22Dan għamel Benaja bin Ġeħojada u għamel isem fost dawk it-tliet qalbiena.

23Fost it-tletin hu li kellu l-akbar ġieħ, imma ma laħħaqx mat-tlieta. David qiegħdu fuq il-kunsill tiegħu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

24Fost it-tletin kien hemm ukoll: Għaxajel, ħu Ġowab; Elħanan bin Dodu minn Betlehem;

25Samma, il-Harodi; Elika, il-Harodi;

26Heles, il-Palti; Għira bin Għikkes, minn Tekugħa,

27Abigħeżer, l-Għanatoti; Mebonnaj, il-Husaj;

28Salmon, l-Aħoħi; Maħaraj, in-Netufi,

29Heled bin Bagħna, in-Netufi; Ittaj bin Ribaj, minn Gibgħa ta' Benjamin;

30Banaja, l-Pirgħatuni; Hiddaj mill-widien ta' Ġagħas;

31Abi-għalbon, l-Għarbati; Għażmawet, il-Baħurim;

32Eljaħba, is-Sagħalbuni; Ġasen, il-Guni;

33Ġonatan bin Samma, il-Harari; Aħijam bin Sarar, il-Harari;

34Elifelet bin Aħasbaj, minn Bet-magħka; Eligħam bin Aħitofel, il-Giluni;

35Hesraw, il-Karmeli, Pagħraj, l-Arbi;

36Igal bin Natan minn Soba; Bani, il-Gaddi;

37Selek, l-Għammoni; Naħaraj, il-Biroti, skudier ta' Ġowab bin Seruja;

38Għira, il-Ġetri; Gareb, il-Ġetri;

39Urija, il-Hitti; sebgħa u tletin b'kollox.

## 2 Samwel 24

### Iċ-ċensiment

1U l-Mulej raġa' għadab għal Iżrael u xewwex lil David kontrihom u qallu: "Mur,
għodd lil Iżrael u lil Ġuda."

2U s-sultan qal lil Ġowab u 'l-kmandanti tal-eżerċtu li kienu miegħu: "Morru
duru mat-tribujiet kollha ta' Iżrael, minn Dan sa Birsaba, u għoddu l-poplu, biex
jien inkun naf l-għadd tal-poplu."

3U Ġowab qal lis-sultan: "Ha jkattar il-Mulej, Alla tiegħek, il-poplu mitt darba
daqs li huma, u ħa jarawhom għajnejn is-sultan sidi! Imma għalfejn sidi s-sultan
jixtieq jagħmel dan?"

4Imma l-kelma tas-sultan għelbet lil Ġowab u l-kmandanti tal-eżerċtu. U ħarġu,
Ġowab u l-kmandanti tal-eżerċtu, minn quddiem is-sultan biex jgħoddu l-poplu
ta' Iżrael.


© 2020 Malta Bible Society.

5Qasmu l-Ġordan, u bdew minn Għarogħer u mill-belt li tinsab f'nofs il-wied, u
minn hemm baqgħu sejrin lejn Gad sa Ġagħżer.

6Imbagħad waslu f'Gilgħad u fl-inħawi ta' taħt il-Hermon. Baqgħu sejrin sa Dan
u minn Dan daru lejn Sidon.

7Ġew fil-fortizza ta' Tir, u fl-ibliet kollha tal-Ħiwwin, u tal-Kangħanin sa ma
waslu fin-Negeb ta' Ġuda f'Birsaba.

8U daru l-pajjiż kollu, u wara disa' xhur u għoxrin ġurnata waslu Ġerusalemm.

9U Ġowab ta lis-sultan l-għadd taċ-ċensiment tal-poplu, li kien ilaħħaq għal
Iżrael tmien mitt elf raġel kapaċi jislet ix-xabla; u għal Ġuda ħames mitt elf raġel.

10Iżda wara ċ-ċensiment tal-poplu David ħass qalbu ttaqtaq, u qal lill-Mulej:
"Dnibt bil-kbir b'li għamilt; issa, Mulej, neħħi nitolbok, dan il-ħażen tal-qaddej
tiegħek, għax tbellaht bil-bosta."

11Xħin David qam filgħodu, il-Mulej kellem lil Gad il-profeta, il-veġġent ta' David,
u qallu:

12"Mur u għid lil David: 'Dan jgħid il-Mulej: Tliet ħwejjeġ inqegħedlek
quddiemek; agħżel waħda minnhom u jien nagħmilhielek.' "

13U Gad mar għand David u ħabbarlu u qallu: "Trid int li jiġuk tliet snin ta'
għaks fuq l-art? Jew taħrab għal tliet xhur minn quddiem l-għadu tiegħek hu u
jiġri warajk? Jonkella li jkun hemm tlitt ijiem pesta f'pajjiżek? Issa aħsibha u
għidli x'għandi nwieġeb lil min bagħatni."

14U David wieġeb lil Gad: "Inħossni f'diqa kbira: Ħalli naqa' f'id il-Mulej, għax
kbira l-ħniena tiegħu; imma ma rridx naqa' f'idejn il-bnedmin!"

15U l-Mulej bagħat il-pesta f'Iżrael, minn filgħodu sal-ħin miftiehem, u mietu
mill-poplu - minn Dan sa Birsaba - sebgħin elf ruħ.

16Meta l-anġlu kien sejjer imidd idu għal fuq Ġerusalemm biex jeqridha, il-Mulej
sogħob bih mid-deni, u qal lill-anġlu li kien qiegħed jagħmel ħerba mill-poplu:
"Biżżejjed! Żomm idek." Dak il-ħin l-anġlu tal-Mulej kien ħdejn il-qiegħa ta'
Arawna, il-Ġebusi.

17Xħin David lemaħ lill-anġlu jaħbat għan-nies kellem lill-Mulej u qallu: "Arani,
jien dnibt, u jien għamilt id-deni! Imma dawn in-nagħaġ x'għamlu? Ħa tkun,
nitolbok, idek fuqi, u fuq dar missieri."

18U dak in-nhar stess Gad ġie għand David u qallu: "Qum u tella' artal lill-Mulej
fil-qiegħa ta' Arawna, il-Ġebusi.

19U David tala' skont ma kien kellmu Gad fuq ordni tal-Mulej.


© 2020 Malta Bible Society.

20Kif Arawna ttawwal u ra s-sultan u l-qaddejja tiegħu telgħin lejh, ħareġ u niżel wiċċu fl-art u ta qima lis-sultan.

21U Arawna qal: "Għalfejn ġie sidi s-sultan għand il-qaddej tiegħu?" U David wieġeb: "Biex nixtri mingħandek il-qiegħa biex nibni artal lill-Mulej, u tieqaf il-pesta minn fost il-poplu."

22U Arawna qal lil David: "Halli jeħodha sidi s-sultan, u jibni fiha li jidhirlu li hu l-aħjar. Ara, hawn il-baqar għas-sagrifiċċju tal-ħruq, u x-xatba u l-madmad għall-ħatab.

23Kollox jagħti Arawna lis-sultan." U Arawna ssokta jgħid: "Jitgħaxxaq bik il-Mulej, Alla tiegħek."

24U s-sultan wieġeb lil Arawna: "Le! Irrid nixtri minn għandek bil-flus. Ma rridx noffri lill-Mulej, Alla tiegħi, sagrifiċċji bla ħlas." U David xtara l-qiegħa u l-baqar b'ħamsin xekel tal-fidda.

25U David bena hemm artal lill-Mulej, u offra sagrifiċċji tal-ħruq u sagrifiċċji tas-sliem. U l-Mulej bired lejn il-pajjiż u l-pesta waqfet minn fost Iżrael.


© 2020 Malta Bible Society.

# 1 Slaten

## 1 Slaten 1

### L-aħħar snin ta' David

1U s-sultan David kien xjieħ u mdaħħal fiż-żmien, u kienu jgħattuh bil-ħwejjeġ, imma ma kienx jisħon.

2U l-qaddejja tiegħu qalulu: "Ħa jfittxu lil sidna s-sultan xebba żagħżugħa biex toqgħod madwar is-sultan, u ddur bik, torqod fi ħdanek, u jżomm sħun sidi s-sultan."

3U fittxew żagħżugħa sabiħa mal-pajjiż kollu ta' Iżrael, u sabu lil Abisag is-Sunamija, u ħaduha għand is-sultan.

4U ż-żagħżugħa kienet sabiħa ħafna, u kienet iddur bis-sultan u sservih, imma hu ma għarafhiex b'martu.

### Adonija u s-sultan

5Adonija bin Ħaggit beda jitkabbar u jgħid: "Ħa nsaltan jien!" U għamel imriekeb, rikkieba, u gwardja ta' ħamsin raġel jiġru quddiemu.

6Missieru qatt ma liemu u qallu: "Għaliex qiegħed tagħmel hekk?" Kien ukoll ta' bixra sabiħa ħafna, u kien twieled wara Absalom.

7Ġara li ftiehem ma' Ġowab bin Seruja u ma' Abjatar, il-qassis. Dawn kienu jżommu ma' Adonija, u marru warajh.

8Iżda Sadok, il-qassis, u Benajja bin Ġeħojada, u Natan, il-profeta, u Simgħi, Regħi, u l-qalbiena ta' David ma żammewx ma' Adonija.

9U Adonija offra sagrifiċċji ta' nagħaġ, baqar u għoġiela msemmna ħdejn il-blata ta' Żohelet, li kienet ħdejn Għajn-rogel, u stieden lil ħutu kollha, ulied is-sultan, u n-nies kollha ta' Ġuda, il-qaddejja tas-sultan.

10Imma 'l Natan, il-profeta, lil Benajja, u 'l-qalbenin, u 'l Salamun ħuh, ma stedinhomx.

11U Natan kellem lil Batseba, omm Salamun, u qalilha: "Ma smajtx int li Adonija bin Ħaggit sar sultan bla ma jaf xejn sidna David?

12Issa ejja ħa nagħtik parir, u ssalva ħajtek, u l-ħajja ta' ibnek Salamun.

13Mur u idħol għand is-sultan David, u għidlu: 'Mhux int sidi s-sultan, li kont ħlift lill-qaddejja tiegħek u għedtilha: Iva, Salamun, ibnek, isaltan warajja, u hu joqgħod fuq it-tron tiegħi? Għaliex issa sar sultan Adonija?'

14Ara, kif tkun hemm titkellem mas-sultan, jien nidħol warajk, u nsaħħaħ kliemek."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

15U Batseba marret għand is-sultan f'kamartu, u s-sultan kien xjieħ ħafna; u Abisag is-Sunamija kienet iddur bih.

16U Batseba nxteħtet wiċċha fl-art, u sellmet lis-sultan; u s-sultan qalilha: "X'minnek?"

17U hi weġbitu: "Sidi! Int kont ħlift bil-Mulej, Alla tiegħek, lill-qaddejja tiegħek: 'Salamun ibnek isaltan warajja, u hu joqgħod fuq it-tron tiegħi.'

18U issa, ara, sar sultan Adonija, u s-sultan sidi ma jaf b'xejn.

19U offra sagrifiċċji ta' baqar u għoġiela msemmna u ħafna nagħaġ; u stieden lil ulied is-sultan kollha, lill-qassis Abjatar, u lil Ġowab, il-kmandant tal-eżerċtu, imma lil Salamun, il-qaddej tiegħek, ma stednux.

20U issa, sultan sidi, għajnejn Iżrael kollu huma fuqek biex ikunu jafu min se joqgħod fuq it-tron wara sidi s-sultan.

21Għax inkella malli sidi s-sultan imur jistrieħ ma' missirijietu, jien u ibni Salamun jgħodduna b'nies ħatja."

22U, ara, kif kienet għadha titkellem mas-sultan jidħol Natan, il-profeta.

23U taw l-aħbar lis-sultan u qalulu: "Ara, hawn Natan, il-profeta." U dan daħal quddiem is-sultan, u sellem lis-sultan b'wiċċu fl-art.

24U Natan qallu: "Sidi s-sultan; jaqaw għedt: 'Adonija jsaltan warajja u joqgħod fuq it-tron tiegħi'?

25Għax illum niżel u offra b'sagrifiċċji baqar, għoġiela msemmna u ħafna nagħaġ; stieden 'l ulied is-sultan ilkoll u l-kmandanti tal-eżerċtu, lil Abjatar, il-qassis, u bħalissa qegħdin jieklu u jixorbu miegħu, u jgħajtu: 'Viva s-sultan Adonija.'

26Imma lili, il-qaddej tiegħek, lil Sadok, il-qassis, u lil Benajja bin Ġeħojada, u lil Salamun, il-qaddej tiegħek, ma stedinniex.

27Jaqaw dan sar bl-ordni tas-sultan sidi bla ma għarraft lill-qaddejja tiegħek min se joqgħod fuq it-tron tiegħu warajh?"

28Is-sultan David wieġeb u qal: "Sejħuli lil Batseba." U din daħlet quddiem is-sultan u qagħdet bilwieqfa quddiemu.

29U s-sultan ħalef u qal: "Daqs kemm hu ħaj il-Mulej, li ħelisli 'l ħajti minn kull għawġ!

30Bħalma kont ħliftlek bil-Mulej, Alla ta' Iżrael, u għedtlek: 'Salamun, ibnek, għad isaltan warajja, u joqgħod fuq it-tron tiegħi minn floki,' hekk nagħmel illum stess."

31U Batseba nxteħtet wiċċha fl-art u qiemet lis-sultan u qalet: "Jalla jgħix sidi s-sultan David għal dejjem!"

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

32U s-sultan David qal: "Sejħuli lil Sadok, il-qassis, u lil Natan, il-profeta, u lil Benajja bin Ġeħojada." U dawn daħlu quddiem is-sultan.

33U s-sultan qalilhom: "Ħudu magħkom il-qaddejja ta' sidkom, u rikkbu lil Salamun ibni fuq il-bagħla tiegħi, u niżżluh f'Giħon,

34u hemm jidilkuh sultan fuq Iżrael Sadok, il-qassis, u Natan, il-profeta; u intom doqqu t-tromba u għajtu: 'Viva s-sultan Salamun!'

35Imbagħad titilgħu warajh, u hu jiġi, u joqgħod fuq it-tron tiegħi, u jsaltan minn floki, għax lilu jien ordnajt li jkun prinċep fuq Iżrael u fuq Ġuda."

36U Benajja bin Ġeħojada wieġeb lis-sultan u qallu: "Ammen! Hekk ikun! Hekk jordna l-Mulej, Alla ta' sidi s-sultan.

37U bħalma l-Mulej kien ma' sidi s-sultan, hekk ikun ma' Salamun, u jkabbarlu t-tron tiegħu aktar mit-tron ta' sidi s-sultan David."

## Il-konsagrazzjoni ta' Salamun

38U niżel Sadok, il-qassis, u Natan, il-profeta, u Benajja bin Ġeħojada, il-Keretin u l-Peletin, u rikkbu lil Salamun fuq il-bagħla tas-sultan David, u wassluh sa Giħon.

39U Sadok, il-qassis, ħa l-qarn taż-żejt mit-tabernaklu u dilek lil Salamun. Imbagħad daqqew it-tromba u l-poplu kollu għajjat: "Viva s-sultan Salamun!"

40U l-poplu kollu tala' warajh idoqqu l-flawt, u jaqbżu b'ferħ kbir, u l-art riedet tinqasam bl-għajjat tagħhom.

41Adonija u l-mistednin, li kienu miegħu, semgħu l-għajjat sewwasew malli spiċċaw jieklu. Sama' wkoll Ġowab id-daqq tat-tromba u qal: "Għalfejn dan l-għajjat u t-tqanqil tal-belt?"

42Kien għadu jitkellem meta wasal Ġonatan bin Abjatar, il-qassis. U Adonija qallu: "Ejja 'l hawn, raġel ta' ħila. Int aħbar tajba ġġib."

43U Ġonatan wieġeb lil Adonija u qallu: "Mela x'inhu! Sidna s-sultan David għamel sultan lil Salamun.

44U s-sultan bagħat miegħu lil Sadok, il-qassis, u lil Natan, il-profeta, u Benajja bin Ġeħojada, lill-Keretin u 'l-Peletin, u rikkbuh fuq il-bagħla tas-sultan.

45U l-qassis Sadok u l-profeta Natan dilkuh sultan f'Giħon, u telgħu minn hemm jgħajtu bil-ferħ u l-belt kollha tqanqlet. Dan hu l-għajjat li smajtu.

46U Salamun diġà qiegħed fuq it-tron tas-saltna.

47U l-qaddejja tas-sultan ġew jifirħu lil sidna s-sultan David u jgħidulu: 'Jalla Alla tiegħek jgħolli isem Salamun 'il fuq minn ismek; u jkabbar it-tron tiegħu aktar mit-tron tiegħek.' U s-sultan baxxa rasu fuq il-friex.


© 2020 Malta Bible Society.

48U s-sultan ukoll tkellem: 'Imbierek il-Mulej, Alla ta' Iżrael, li llum ta li wieħed
minn nisli joqgħod fuq it-tron tiegħi, u narah b'għajnejja."

49Imbagħad il-mistednin ta' Adonija nħasdu, u qamu u xterdu kulħadd għal
triqtu.

50U Adonija qabdu l-biża' minn Salamun, u qam u mar, u qabad ma' qrun l-artal.

51U taw l-aħbar lil Salamun u qalulu: "Ara, Adonija qiegħed jibża' mis-sultan
Salamun, u arah imqabbad ma' qrun l-artal u jgħid: 'Ħa jaħlifli llum is-sultan
Salamun li ma joqtolx il-qaddej tiegħu bis-sejf.' "

52U Salamun qal: "Jekk iġib ruħu ta' raġel, ma taqax xagħra waħda minn ġismu
fl-art, imma jekk iġib ruħu ħażin, imut."

53U s-sultan Salamun bagħat iniżżlu mill-artal, u hu mar u nxteħet fl-art quddiem
is-sultan Salamun, u Salamun qallu: "Mur lejn darek!"

## 1 Slaten 2

### L-aħħar kliem u l-mewt ta' David

1David, meta wasal biex imut, lil ibnu Salamun għamillu dawn it-twissijiet:

2"Jiena wasalt biex naqbad it-triq li minnha jgħaddi kulħadd. Qawwi qalbek u
oħroġ ta' raġel.

3Ħares il-liġi tal-Mulej, Alla tiegħek: imxi fit-triqat tiegħu, u oqgħod għal-liġijiet,
għat-twissijiet, għad-digrieti u għall-preċetti li għamel hu, hekk kif hemm
miktub fil-liġi ta' Mosè, biex f'kulma tagħmel u kull fejn iddawwar wiċċek issib
ir-risq;

4biex il-Mulej iżomm il-wegħda li għamel lili meta qalli: 'Jekk uliedek iżommu
triqthom, u jimxu bis-sewwa b'qalbhom kollha, u b'ruħhom kollha, ma jonqos
qatt wieħed minn nislek fuq it-tron ta' Iżrael.'

5"U inti wkoll taf x'għamilli Ġowab bin Seruja; x'għamel liż-żewġ kmandanti tal-
eżerċtu ta' Iżrael, lil Abner bin Ner u lil Għamaxa bin Ġeter, kif fi żmien il-paċi
qatilhom, u xerred id-demm tal-gwerra, u tabbagħlu b'demm il-gwerra l-ħżiem
li kellu ma' qaddu, u l-qorq li kellu f'riġlejh.

6Agħmel skont għerfek: la tħallix xjuħitu tinżel bis-sliem fost il-mejtin.

7"Uri tjubitek ma' wlied Barżillaj, il-Gilgħadi, u qis li jkunu fost dawk li jieklu fuq
il-mejda miegħek; għax hekk ġiebu ruħhom miegħi meta kont maħrub minn
quddiem ħuk Absalom.

8"Għandek imbagħad lil Simgħi bin Gera, bin Benjamin, minn Baħurim, hu li
seħetni b'saħta mill-eqqel dak in-nhar li tlaqt għal Maħanajm. Hu kien niżel

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

jilqagħni ħdejn il-Ġordan, u jien ħliftlu bil-Mulej u għedtlu: 'Ma noqtlokx bix-xabla.'

9Imma int issa tħallihx bla kastig; int bniedem għaref, u taf x'għandek tagħmillu: tniżżillu xjuħitu bid-demm lejn il-qabar."

10U David strieħ ma' missirijietu, u difnuh fil-belt ta' David.

11Iż-żmien li dam isaltan David fuq Iżrael kien ta' erbgħin sena: għal seba' snin saltan f'Ħebron, u għal tlieta u tletin sena f'Ġerusalemm.

12Imbagħad Salamun tala' fuq it-tron ta' David missieru, u s-saltna tiegħu ssaħħet sewwa.

### Il-qerda ta' Adonija, Ġowab u Simgħi

13Adonija bin Ħaggit mar għand Batseba, omm Salamun, u hi staqsietu: "Ġejt bis-sliem?" U hu weġibha: "Bis-sliem!"

14U ssokta: "Għandi kelma xi ngħidlek." U hi qaltlu: "Tkellem."

15"Inti taf, qalilha, li s-saltna kienet għalija, u Iżrael kollu kien tafa' għajnejh fuqi biex insir sultan; imma s-saltna għaddiet għal għand ħija għax il-Mulej riedha għalih.

16Issa jien ħaġa waħda nitlob mingħandek. La ddawwarlix wiċċek." U hi qaltlu: "Tkellem."

17"Għid lis-sultan Salamun, jekk jogħġbok," qalilha, "u żgur mhux se jgħidlek le, li jagħtini b'marti lil Abisag, is-Sunamija."

18U Batseba wieġbet: "Tajjeb, inkellem lis-sultan għalik."

19Batseba marret għand is-sultan Salamun biex tkellmu għal Adonija. U s-sultan qam u mar jilqagħha, baxxa rasu quddiemha, u raġa' lura lejn it-tron tiegħu. Għal omm is-sultan, imbagħad, ħejjielha tron u qagħdet fuq il-lemin tiegħu.

20U qaltlu: "Ħaġa żgħira se nitlob mingħandek; la ddawwarx wiċċek minni." U s-sultan weġibha: "Itlob, ommi, għax m'iniex se ndawwar wiċċi minnek."

21U qaltlu: "Li Abisag, is-Sunamija, tingħata lil ħuk Adonija b'martu."

22U s-sultan Salamun wieġeb u qal lil ommu: "U għaliex int qiegħda titlob lil Abisag, is-Sunamija, għal Adonija? Għax ma tlabtnix is-saltna għalih mill-ewwel, la hu ħija l-kbir u għandu miegħu lil Abjatar, il-qassis, u lil Ġowab bin Seruja?"

23U s-sultan Salamun ħalef bil-Mulej, u qal: "Dan jagħmilli Alla u iżjed, jekk Adonija ma tkellimx hekk għat-telfien ta' ħajtu.

24U issa daqs kemm hu ħaj il-Mulej li wettaqni u qegħedni fuq it-tron ta' David missieri, u li waqqafli dar kif kien wiegħed, Adonija llum joqtluh."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

25U s-sultan Salamun bagħat joqtlu permezz ta’ Benajja bin Ġeħojada, u dan
inxteħet fuqu u Adonija miet.

26U lil Abjatar, il-qassis, is-sultan qallu: “Int itlaq, u mur fl-oqsma tiegħek
f’Għanatot, għax int bniedem ħaqqek il-mewt. Madankollu ma noqtlokx illum
għax int ġarrejt l-arka ta’ Sidi l-Mulej quddiem David missieri, u għaliex int batejt
bħalma bata missieri.”

27U hekk Salamun warrab lil Abjatar u neħħieh minn qassis tal-Mulej; u seħħet
ukoll il-kelma tal-Mulej li kien qal għal dar Għeli f’Silo.

28L-aħbar waslet għand Ġowab; Ġowab kien żamm ma’ Adonija, imma mhux ma’
Absalom. U Ġowab ħarab lejn it-tabernaklu tal-Mulej, u qabad ma’ qrun l-artal.

29U ħabbru lis-sultan Salamun li Ġowab kien ħarab lejn it-tabernaklu tal-Mulej,
u li kien ħdejn l-artal. U Salamun bagħat għal Benajja bin Ġeħojada u qallu: “Mur
u oqtlu.”

30U Benajja mar fit-tabernaklu tal-Mulej u qallu: “Dan jgħid is-sultan: Oħroġ!”
“Le,” qallu, “hawn immut.” U Benajja raġa’ lura għand is-sultan bl-aħbar u qallu:
“Dan qal Ġowab, u dan wieġeb.”

31U s-sultan qallu: “Agħmel kif qallek, tih daqqa għall-mewt u idfnu. Hekk tneħħi
d-demm bla ħtija li xerred Ġowab, minn fuqi, u minn fuq dar missieri.

32U jroddlu l-Mulej demmu fuq rasu, talli ħabat għal tnejn min-nies sewwa u
aħjar minnu, u qatilhom bix-xabla, bla ma kien jaf David missieri: Abner bin Ner,
il-kmandant tal-eżerċtu ta’ Iżrael, u Għamaxa bin Ġeter, il-kmandant ta’ Ġuda.

33Ħa jaqa’ demmhom fuq ras Ġowab u ras nislu għal dejjem, u s-sliem tal-Mulej
ikun fuq David, fuq nislu, fuq daru, u fuq it-tron tiegħu għal dejjem.”

34U Benajja bin Ġeħojada tala’, u ħabat għalih, u qatlu, u difnuh f’daru fid-deżert.

35U s-sultan qiegħed minn flok Ġowab lil Benajja bin Ġeħojada fuq l-eżerċtu; u lil
Sadok, il-qassis, is-sultan qiegħdu minflok Abjatar.

36U s-sultan bagħat isejjaħ lil Simgħi u qallu: “Ibni dar għalik f’Ġerusalemm u
oqgħod hemm. La toħroġx minn hemm, u tmur imkien la ’l hemm u la ’l hawn.

37Dak in-nhar li toħroġ u taqsam il-wied ta’ Kedron, kun af li tmut żgur; demmek
fuq rasek.”

38U Simgħi wieġeb lis-sultan: “Kollox sew! Bħalma qal sidi s-sultan, hekk jagħmel
il-qaddej tiegħek.” U Simgħi qagħad Ġerusalemm għal ħafna żmien.

39Meta kienu għaddew tliet snin, tnejn mill-qaddejja ta’ Simgħi ħarbu għal għand
Akis bin Magħka, sultan ta’ Gatt; u l-aħbar waslet għand Simgħi u qalulu: “Il-
qaddejja tiegħek qegħdin f’Gatt.”

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

40U Simgħi qam u xedd il-ħmar tiegħu, u mar Gatt, għand Akis, ifittex il-qaddejja tiegħu. Simgħi mar u ġieb lura l-qaddejja tiegħu minn Gatt.

41U lil Salamun qalulu li Simgħi kien ħareġ minn Ġerusalemm u mar Gatt, u ġieb lura l-qaddejja tiegħu.

42U s-sultan bagħat isejjaħ lil Simgħi u qallu: "Ma ġagħaltikx taħlef bil-Mulej, u wissejtek u għedtlek: 'Dak in-nhar li toħroġ u tmur 'l hemm u 'l hawn, kun af li tmut żgur'? U int weġibtni: 'Kollox sew! Nisma' minnek'?

43Għaliex, mela, ma ħaristx il-ġurament tal-Mulej u l-ordnijiet li tajtek?"

44U s-sultan issokta jgħid lil Simgħi: "Int taf bid-deni kollu, u qalbek tafu sewwa, li għamilt lil David missieri; il-Mulej issa se jreġġa' l-ħażen tiegħek għal fuq rasek.

45Imma s-sultan Salamun ikun imbierek u t-tron ta' David ikun sod quddiem il-Mulej għal dejjem."

46U s-sultan ordna lil Benajja bin Ġeħojada; u dan ħabat għalih u miet. Hekk is-saltna ssudat f'idejn Salamun.

## 1 Slaten 3

### Salamun sultan ta' Iżrael kollu

1U Salamun tħatten mal-Fargħun, sultan tal-Eġittu, u ħa lil bintu b'martu, u ġiebha fil-belt ta' David sakemm temm jibni daru, u dar il-Mulej, u s-swar madwar Ġerusalemm.

2Imma l-poplu kien għadu joffri s-sagrifiċċji fis-santwarji għax id-dar għal isem il-Mulej kienet għadha ma nbnietx sa dak iż-żmien.

### Salamun jitlob l-għerf

3Salamun kien iħobb il-Mulej, u kien jimxi skont il-preċetti ta' David missieru, imma huwa wkoll kien joffri s-sagrifiċċji u l-inċens fis-santwarji.

4U mar is-sultan f'Gibgħon joffri s-sagrifiċċji hemm, għax fost is-santwarji dak kien l-aqwa wieħed. Salamun offra elf offerta tal-ħruq fuq dak l-artal.

5F'Gibgħon il-Mulej deher lil Salamun fil-ħolm billejl. "Itlobni x'nagħtik," qallu Alla.

6U wieġbu Salamun: "Inti wrejt tjieba kbira mal-qaddej tiegħek David missieri, talli hu mexa quddiemek bil-fedeltà u bil-qdusija u bl-onestà miegħek; għadek sal-lum turih din it-tjieba kbira tiegħek, int li ħallejt lil wieħed minn uliedu jieħu postu llum fuq it-tron tiegħu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

7B'hekk issa, Mulej, Alla tiegħi, lili, qaddej tiegħek, għadek kemm qegħedtni sultan flok David missieri. Iżda jiena għadni daqsxejn ta' żagħżugħ, bla ma naf mnejn għandi ngħaddi.

8Il-qaddej tiegħek sab ruħu f'nofs dan il-poplu li int għażilt, poplu hekk kotran li ħadd ma jista' jgħoddu jew iqisu.

9Agħti, għalhekk, lill-qaddej tiegħek moħħ ħafif biex jifhem, biex jista' jmexxi l-poplu tiegħek, u jagħraf it-tajjeb mill-ħażin; għax inkella min jasal biex imexxih, dan il-poplu tiegħek ta' kotra hekk kbira?"

10Il-Mulej ħa gost li Salamun talab dil-ħaġa.

11Għalhekk qallu Alla: "Ladarba tlabt din il-ħaġa, u ma tlabtnix għomor twil, jew għana, jew il-ħajja tal-għedewwa tiegħek - iva, talli tlabt li tagħraf tifhem kif għandek tmexxi -

12hawn jien se nagħmel kif għedt int. Qed nagħtik moħħ għaref u għaqli, hekk li ħadd qablek ma kien hawn bħalek, u anqas warajk ma jkun hawn.

13U mqar dak li ma tlabtnix se nagħtihulek, sew ġid sew glorja, hekk li ma jkun hawn qatt sultan ieħor bħalek.

14U jekk timxi fi triqati, billi toqgħod għal-liġijiet u l-kmandamenti tiegħi kif mexa David missierek, nagħtik ukoll ħajja twila."

15Imbagħad Salamun stenbaħ, u ra li kienet ħolma. Mar lura Ġerusalemm, u qagħad quddiem l-arka tal-patt tal-Mulej: u offra sagrifiċċji tal-ħruq u sagrifiċċji tas-sliem, u għamel festa għall-qaddejja tiegħu kollha.

### Il-ġudizzju ta' Salamun

16Darba ġew żewġ nisa żienja għand is-sultan u resqu quddiemu.

17Waħda minnhom qaltlu: "Jekk jogħġbok, Sidi! Jien u din il-mara noqogħdu f'dar waħda, u wlidt magħha fid-dar.

18Ġara li fit-tielet jum wara l-ħlas tiegħi, wildet din ukoll; u konna weħidna, ma kien hemm ħadd barrani magħna fid-dar, imma aħna t-tnejn weħidna;

19u t-tarbija ta' din il-mara mietet billejl, għax hi raqdet fuqha.

20U qamet matul il-lejl, u ħadet lil ibni minn ħdejja, waqt li l-qaddejja tiegħek kienet rieqda; u medditu fi ħdanha, u 'l binha mejjet medditu fi ħdani.

21U mas-sebħ qomt inredda' lil ibni, u nsibu mejjet; imma xħin ħarist sewwa lejh filgħodu, insib li ma kienx ibni li kont ulidt."

22Imma l-mara l-oħra qalet: "Le! Ibni l-ħaj u ibnek il-mejjet." U l-oħra wieġbet: "Le! Ibnek il-mejjet, u ibni l-ħaj!" U hekk baqgħu sejrin jitlewmu quddiem is-sultan.


© 2020 Malta Bible Society.

23U s-sultan qalilhom: "Din qiegħda tgħid 'Dan hu ibni, il-ħaj; u ibnek, il-mejjet';
u din twieġeb: 'Le, ibnek il-mejjet; u ibni l-ħaj."

24U ssokta jgħid is-sultan: "Newluli xabla." U newlulu xabla;

25u s-sultan qal: "Aqsmu t-tarbija l-ħajja fi tnejn, u agħtu nofs lil waħda, u nofs
lill-oħra."

26U l-mara li binha kien il-ħaj ħasset il-ġewwieni tagħha jitqanqlu minħabba
binha, u qabżet u qaltlu: "Jekk jogħġbok, sidi, agħtuha t-tarbija l-ħajja, u la
toqtluhiex." Imma l-oħra qalet: "La tkun tiegħi, u lanqas tiegħek, aqsmuha!"

27U s-sultan wieġeb u qal: "Agħtuha t-tarbija l-ħajja, u la toqtluhiex; għax dik hi
ommha."

28U Iżrael kollu sama' bil-ġudizzju li kien ta s-sultan, u bdew jibżgħu mis-sultan
għax raw li fih kellu l-għerf ta' Alla biex jagħmel il-ħaqq.

## 1 Slaten 4

### L-amministrazzjoni ta' Salamun

1Salamun kien sultan fuq Iżrael kollu.

2U dawn kienu l-uffiċjali tiegħu: Għażarija bin Sadok kien il-qassis;

3Eliħoref u Aħija ulied Sisa, segretarji; Ġosafat bin Aħilud, kunsillier;

4Benajja bin Ġeħojada, kmandant tal-eżerċtu; Sadok u Abjatar, qassisin;

5Għażarija bin Natan, kap tal-kummissarji; Żabud bin Natan, qassis, ħabib tas-
sultan;

6Aħisar, maġġordom; u Adoniram bin Għabda, soprastant fuq ix-xogħol bilfors.

7Salamun kellu wkoll tnax-il kummissarju fuq Iżrael kollu, u kienu jaħsbu għall-
provvisti tas-sultan u d-dar tiegħu. Kull wieħed kellu jaħseb għall-provvista ta'
xahar fis-sena.

8Dawn kienu ismijiethom: Ben-ħur fil-muntanji ta' Efrajm;

9Ben-deker f'Makas, Sagħalbim u Betxemex, Elon-bet-ħanan;

10Ben-ħesed f'Arubbot; kellu Soku u l-art kollha ta' Hefer.

11Ben-abinadab f'Nafat-dor; martu kienet Tafat, bint Salamun.

12Bagħana bin Aħilud kellu Tagħnak u Megiddu u Betsan kollu, li taħbat Saretan
minn taħt Ġeżragħel, minn Betsan sa Abel-meħola san-naħa l-oħra ta'
Ġoknegħam.


© 2020 Malta Bible Society.

13 Ben-geber f'Ramot-gilgħad; kellu f'idejh l-irħula ta' Ġajir bin Manassi, li kienu f'Gilgħad, u wkoll l-inħawi ta' Argob f'Basan; sittin belt kbira u mdawra bis-swar, u magħluqa bl-iżbarri tal-bronż.

14 Aħinadab bin Għiddu, f'Maħanajm;

15 Aħimagħas f'Naftali - dan ukoll ħa b'martu lil Baxemat bint Salamun;

16 Bagħana bin Husaj, f'Aser u Begħalot;

17 Ġeħosafat bin Paruħa, f'Issakar.

18 Simgħi bin Ela, f'Benjamin;

19 Geber bin Uri, fl-art ta' Gilgħad, fl-art ta' Siħon, sultan tal-Amurrin, u ta' Għog, sultan ta' Basan. Kien hemm imbagħad kummissarju wieħed fuq l-art ta' Ġuda.

20 Il-poplu ta' Ġuda u Iżrael kien kotran bħar-ramel tal-baħar; u kienu lkoll ferħana jieklu u jixorbu.

## 1 Slaten 5

### Il-glorja ta' Salamun

1 Salamun kien jaħkem fuq is-saltniet kollha mix-xmara sal-art tal-Filistin u l-fruntieri tal-Eġittu; kollha kienu jħallsu t-tribut u kienu jservu lil Salamun għomru kollu.

2 U l-provvista ta' kuljum għall-ikel għal Salamun kienet: tletin kor smid u sittin kor dqiq;

3 għaxar baqriet imsemmna u għoxrin oħra tal-mergħa; mitt nagħġa, barra kull xorta ta' ċriev u gazzelli, antilopi u tajr imsemmen.

4 Għax hu kien isaltan 'l hawn mix-xmara, minn Tifsa sa Gaża, fuq is-slaten kollha 'l hawn mix-xmara. Kien isaltan is-sliem fl-inħawi kollha ta' madwaru.

5 Il-poplu ta' Ġuda u Iżrael kien jgħix fiż-żgur, kulħadd taħt id-dielja u t-tina tiegħu, minn Dan sa Birsaba, iż-żmien kollu ta' Salamun.

6 Salamun kellu erbgħin elf stalla għaż-żwiemel u għall-karrijiet tiegħu, u tnax-il elf rikkieb.

7 Il-kummissarji kienu jaħsbu, kull wieħed fix-xahar tiegħu, għall-ikel għas-sultan Salamun, u għal dawk kollha li kienu jieklu mill-mejda ta' Salamun; ma kienu jħallu jonqos xejn.

8 Kienu jieħdu wkoll ix-xgħir u t-tiben għaż-żwiemel u l-bhejjem tat-tagħbija, kulħadd fil-post fejn imissu, u skont ma kellu jagħmel.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

9U Alla ta għerf lil Salamun u dehen kbir ħafna, u moħħ bla qjies bħar-ramel f'xatt il-baħar.

10U l-għerf ta' Salamun kien akbar mill-għerf tan-nies kollha tal-Lvant u mill-għerf kollu tal-Eġittu.

11U kien egħref minn kull bniedem: aktar minn Etan l-Eżraħi u minn Heman u Kalkol, u Darda, ulied Maħol; u ismu xtered mal-ġnus kollha ta' madwaru.

12U qabbel tlitt elef proverbju, u l-għana tiegħu kien ilaħħaq elf għanja u ħamsa.

13Kien jaf jitkellem fuq is-siġar: miċ-ċedri li hemm fil-Libanu saż-żuf li jikber mal-ħajt; kien jitkellem fuq il-bhejjem u fuq it-tajr, u fuq il-ħniex u fuq il-ħut.

14U kienu jiġu nies mill-ġnus kollha jisimgħu l-għerf ta' Salamun, u mingħand is-slaten kollha tal-art, li kienu semgħu b'għerfu.

### Salamun u Ħiram

15Hiram, is-sultan ta' Tir, malli sar jaf li lil Salamun kienu għadhom kif dilkuh sultan, suċċessur ta' missieru, bagħat il-qaddejja tiegħu għandu; għax Hiram minn dejjem kien jinġieb ma' David.

16Lil Hiram, imbagħad, Salamun bagħat jgħidlu:

17"Kif taf int, David missieri ma kienx irnexxielu jibni tempju għal isem il-Mulej, Alla tiegħu, minħabba l-gwerer li fihom sab ruħu mdawwar b'għedewwa minn kull naħa; sa ma l-Mulej ġabhom taħt qigħan riġlejh.

18U issa li l-Mulej, Alla tiegħi, serraħni mill-ġlied fuq kull naħa, ebda għadu u ebda tfixkil ma baqagħli.

19Hawn jien, għalhekk, qiegħed naħseb biex nibni tempju għal isem il-Mulej, Alla tiegħi, hekk kif il-Mulej kien wiegħed lil David missieri, meta qallu: 'Dak ibnek li jiena nqiegħdu suċċessur tiegħek fuq it-tron, hu jkun li jibni t-tempju għal ismi.'

20Mela issa qabbadhom jaqtgħuli xi siġar taċ-ċedru mil-Libanu. Il-qaddejja tiegħi jkunu jaħdmu ma' tiegħek; u għax-xogħol tal-qaddejja tiegħek jiena nħallsek kemm titlobni. Għax, kif taf int, ħadd ma hawn fostna hawnhekk li jinqala' biex jaqta' s-siġar daqs kemm jinqalgħu għal dan ix-xogħol in-nies ta' Sidon."

21Feraħ mhux ftit Hiram malli sama' x'kien qal Salamun. Għalhekk qal Hiram: "Ikun illum imbierek il-Mulej li ta lil David iben għaref, ħalli jmexxi lil dan il-poplu ta' kotra kbira."

22U Hiram bagħat jgħid lil Salamun: "Smajt b'dak li bgħatt tgħidli. Jien nagħmel kulma tixtieq int dwar l-injam taċ-ċedru u l-injam taċ-ċipress.

23Il-qaddejja tiegħi jniżżluh mil-Libanu sal-baħar, u jien ngħabbihom fuq iċ-ċattri fuq il-baħar sa fejn tibgħat tgħidli int, u jien inħotthom hemm, u mbagħad


© 2020 Malta Bible Society.

ħudhom int. U int, imbagħad, tagħmel li nixtieq jien, tibgħatli l-provvisti tal-ikel għal dari."

24Hiram kien jibgħat lil Salamun injam taċ-ċedru u injam taċ-ċipress kemm kien irid.

25U Salamun kien jibgħat lil Hiram għoxrin elf kor qamħ, ikel għal daru, u għoxrin kor żejt fin. Daqshekk kien jagħti Salamun lil Hiram, sena wara sena.

26U l-Mulej kien ta lil Salamun għerf bħalma kien wiegħdu. Kien hemm il-paċi bejn Hiram u Salamun, u għamlu patt bejniethom.

### Il-bini tat-tempju

27Is-sultan Salamun ġabar bil-lieva tletin elf raġel minn Iżrael kollu.

28Kien jibgħathom il-Libanu, qatgħa wara oħra, għaxart elef fix-xahar; xahar kienu jagħmluh fil-Libanu, u xahrejn f'darhom. Kien jieħu ħsiebhom Adoniram.

29Ma' dawn Salamun kellu sebgħin elf ruħ oħra għat-tagħbija u tmenin elf għall-qtugħ tal-ġebel mill-muntanja.

30Barra t-tlitt elef u tliet mitt suprentendent li għażel biex jgħassu fuq in-nies tax-xogħol.

31U s-sultan ordna li jaqtgħu ġebel kbir, ġebel magħżul, ġebel minġur kwadru għas-sisien tat-tempju.

32U l-bennejja ta' Salamun u l-bennejja ta' Hiram u l-Giblin naġru l-ġebel, u ħejjew l-injam u l-ġebel biex jibnu t-tempju.

## 1 Slaten 6

1Fis-sena erba' mija u tmenin wara l-ħruġ ta' wlied Iżrael mill-Eġittu, fir-raba' sena tas-saltna ta' Salamun fuq Iżrael, fix-xahar ta' Żiwi, it-tieni xahar, Salamun beda jibni t-tempju tal-Mulej.

2It-tempju li bena s-sultan Salamun lill-Mulej kien sittin driegħ twil, u għoxrin wiesa', u tletin driegħ għoli.

3U l-portiku quddiem is-santwarju kien għoxrin driegħ twil, skont il-wisa' tat-tempju, u għaxart idriegħ fond għal quddiem it-tempju.

4U fetaħ ukoll twieqi bil-gradi fil-ħitan tal-ġnub.

5U tella' wkoll mal-ħajt tat-tempju bini safef safef, madwar il-korsija u s-santwarju, u għamel kmamar dawramejt.

6Is-saff ta' taħt wiesa' ħamest idriegħ, tan-nofs sitt idriegħ wiesa'; u t-tielet wieħed sebat idriegħ wiesa', għax kien bena l-ħajt ta' madwar it-tempju tarġa tarġa, minn barra dawramejt, biex it-travi ma jaqbdux mal-ħitan tat-tempju.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

7- Meta nbena t-tempju, inbena b'ġebel maqtugħ u minġur fil-barriera; u la mterqa u lanqas mannara, u ebda għodda oħra, ma kienet tinstama' waqt il-bini tat-tempju. -

8Il-bieb għall-kmamar t'isfel kien fuq il-ġenb tal-lemin tat-tempju, u mbagħad kont titla' minn garigor għas-saff tan-nofs, u minn tan-nofs għat-tielet wieħed.

9Meta mbagħad temm il-bini tat-tempju, saqqfu bi travi u twavel taċ-ċedru.

10U l-bini tal-ġnub madwar it-tempju kollu bnieh kull saff ħamest idriegħ għoli u għaqqad kollox mat-tempju bi travi taċ-ċedru.

11U waslet il-kelma tal-Mulej lil Salamun:

12"Din id-dar li int qiegħed tibni - jekk inti timxi skont il-kmandamenti tiegħi, u tagħmel id-digrieti tiegħi, u tħares l-ordnijiet kollha tiegħi, u timxi fuqhom, jien inżomm miegħek il-wegħda li jien għamilt lil missierek David -

13Jien ngħammar f'nofs ulied Iżrael, u ma nabbanduna qatt il-poplu tiegħi Iżrael."

### It-tempju minn ġewwa

14U Salamun bena t-tempju u temmu.

15Kesa l-ħitan tad-dar minn ġewwa bit-twavel taċ-ċedru, mill-qiegħa tat-tempju sat-travi tas-saqaf, ksieh bit-twavel minn ġewwa; u l-qiegħa tat-tempju ksieha biċ-ċipress.

16U kesa l-għoxrin driegħ fil-fond tat-tempju bit-travi taċ-ċedru, mill-qiegħa sat-travi, u ħalla l-parti ta' ġewwa għall-post il-qaddis.

17Il-korsija quddiem is-santwarju kienet twila erbgħin driegħ.

18Iċ-ċedru li kien hemm ġewwanett fit-tempju kien imnaqqax f'għamla ta' faqqus u ward miftuħ; kollox miksi biċ-ċedru, u ġebel ma kien jidher xejn.

19Bena wkoll fil-fond tat-tempju santwarju, biex iqiegħed fih l-arka tal-patt tal-Mulej.

20Is-santwarju kien għoxrin driegħ twil, għoxrin driegħ wiesa' u għoxrin driegħ għoli; u ksieh b'deheb mill-ifjen. U għamel artal taċ-ċedru.

21U Salamun kesa t-tempju minn ġewwa b'deheb mill-ifjen u dendel velu b'ħoloq tad-deheb quddiem is-santwarju u ksieh bid-deheb.

22It-tempju kollu ksieh bid-deheb, it-tempju kollu kemm hu; u l-artal ta' quddiem is-santwarju ksieh kollu bid-deheb.

23U għamel żewġ kerubini taż-żebbuġ għas-santwarju, kull wieħed għaxart idriegħ għoli.


© 2020 Malta Bible Society.

[24]Kerubin minnhom kellu ġewnaħ minnhom ħamest idriegħ, u l-ġewnaħ l-ieħor ħamest idriegħ; għaxart idriegħ mit-tarf ta' ġewnaħ sat-tarf tal-ġewnaħ l-ieħor.

[25]U l-kerubin l-ieħor kien ukoll ta' għaxart idriegħ, qjies wieħed u għamla waħda għaż-żewġ kerubini.

[26]L-ewwel kerubin kien għaxart idriegħ għoli; u hekk ukoll it-tieni wieħed.

[27]Salamun qiegħed il-kerubini f'nofs il-kamra ta' ġewwa nett; dawn kellhom ġwenħajhom miftuħa: il-ġewnaħ ta' wieħed jilħaq ħajt ta' naħa u l-ġewnaħ tal-ieħor jilħaq il-ħajt tan-naħa l-oħra, u l-ġwienaħ f'nofs it-tempju kienu jmissu ġewnaħ ma' ġewnaħ.

[28]U l-kerubini ksiehom bid-deheb.

[29]U l-ħitan tat-tempju żejjinhom kollha dawramejt, u naqqax fihom kerubini, tamar, u ward miftuħ, sew fil-kamra ta' ġewwa sew f'dik ta' barra.

[30]Kesa wkoll bid-deheb il-qiegħa tat-tempju fiż-żewġt ikmamar ta' ġewwa u ta' barra.

[31]Fid-daħla tas-santwarju għamel bieb taż-żebbuġ bil-pilastri u l-blata f'forma ta' pentagonu b'ħames kantunieri.

[32]Kien fih żewġ battenti taż-żebbuġ u naqqax fihom kerubini, tamar u ward miftuħ; imbagħad kesa l-kerubini u t-tamar bid-deheb.

[33]Hekk ukoll għamel fid-daħla tal-korsija: ċaċċiż kwadru taż-żebbuġ,

[34]u żewġ battenti taċ-ċipress; kull battent kien f'biċċtejn, waħda tingħalaq fuq l-oħra, sew il-waħda sew l-oħra.

[35]Fihom naqqax kerubini, tamar u ward miftuħ, u kesa kollox bid-deheb.

[36]U dawwar il-bitħa ta' ġewwa b'ħajt ta' tliet filati ġebel minġur u filata injam taċ-ċedru.

[37]Fir-raba' sena, fix-xahar ta' Żiwi, poġġew il-pedamenti tat-tempju tal-Mulej;

[38]u fil-ħdax-il sena, fix-xahar ta' Bul, it-tmien xahar tas-sena, it-tempju kien mibni fil-partijiet kollha tiegħu, u f'kulma kienet titlob il-pjanta. Hekk Salamun it-tempju bnieh f'seba' snin.

## 1 Slaten 7

### Il-palazz ta' Salamun

[1]Salamun ħa ħsieb ukoll jibni l-palazz tiegħu, u dam tlittax-il sena sa ma temmu għalkollox.


© 2020 Malta Bible Society.

2 Bena l-palazz tal-foresta tal-Libanu; kienet sala kbira; mitt driegħ twila, u ħamsin driegħ wiesgħa, u tletin driegħ għolja; kellha tliet indani ta' kolonni taċ-ċedru bit-travi taċ-ċedru fuqhom.

3 Kienet imsaqqfa biċ-ċedru fuq il-kmamar ta' fuq it-travi ta' fuq il-kolonni li kienu ħamsa u erbgħin, ħmistax kull indana.

4 Kellha tliet indani twieqi, tieqa quddiem tieqa, fi tliet indani fuq xulxin;

5 u l-bwieb kollha u t-twieqi kollha kienu kwadri; u tieqa kienet biswit oħra fi tliet indani fuq xulxin.

6 U bena wkoll is-sala tal-kolonni, twila ħamsin driegħ u wiesgħa tletin; u portiku quddiemha bil-kolonni u saqaf fuqu.

7 Bena wkoll is-sala tat-tron, fejn kien jamministra l-ġustizzja; "is-sala tal-ġustizzja" kienet miksija biċ-ċedru mill-art sas-saqaf.

8 Bena wkoll bl-istess mod id-dar fejn kellu jgħammar hu, bnieha fil-bitħa l-oħra 'l ġewwa mis-sala; u bena wkoll bħal din is-sala dar għal bint il-Fargħun, li Salamun kien ħadha b'martu.

9 Dan il-bini kollu kien mibni b'ġebel magħżul, minġur tal-qjies, maqtugħ bil-munxar, minn ġewwa u minn barra, mill-pedamenti sal-gwarniċun, u minn barra sal-bitħa l-kbira.

10 Il-pedamenti kienu magħmula minn ġebel magħżul, ġebel kbir, ġebel ta' għaxart idriegħ, u ġebel ta' tmint idriegħ.

11 U fuqhom imbagħad kien mibni b'ġebel magħżul, minġur tal-qjies, u injam taċ-ċedru.

12 Il-bitħa l-kbira kellha dawramejt tliet filati ta' ġebel minġur u filata injam taċ-ċedru; hekk ukoll kienu l-bitħa ta' ġewwa tat-tempju tal-Mulej u quddiem is-sala tal-palazz.

### It-tagħmir tat-tempju

13 Is-sultan Salamun bagħat iġib lil Hiram minn Tir.

14 Dan kien bin mara armla, mit-tribù ta' Naftali, u missieru kien minn Tir, jaħdem il-bronż. Kien mimli kollu għerf u dehen, u jaf jaħdem kull xogħol tal-bronż. Ġie għand is-sultan Salamun u ħadimlu x-xogħol kollu li kellu.

### Iż-żewġ kolonni

15 Ħadimlu ż-żewġ kolonni tal-bronż: waħda kienet ta' tmintax-il driegħ għoli, u ta' tnax-il driegħ kienet id-dawra tagħha. Kienet vojta minn ġewwa u l-bronż kien oħxon erbat iswaba'; it-tieni waħda kienet l-istess.


© 2020 Malta Bible Society.

16U għamel żewġ kapitelli tal-bronż fondut biex iqegħedhom fuq l-irjus tal-kolonni; il-wieħed kien ħamest idriegħ għoli, u l-ieħor ħamest idriegħ ukoll.

17U għamel żewġ girlandi, xogħol tal-insiġ, biex jgħattu l-kapitelli li kien hemm fuq l-irjus tal-kolonni, girlanda għall-ewwel kapitell, u girlanda oħra għat-tieni wieħed.

18Għamel ukoll żewġ indani rummien dawramejt 'il fuq mill-girlanda, biex jgħatti l-kapitell f'ras il-kolonni; hekk ukoll għamel għat-tieni kapitell.

19Fuq il-kapitelli, li kienu fuq l-irjus tal-kolonni fil-portiku, kellhom speċi ta' ġilju, u kien kollox għoli erbat idriegħ.

20Fuq il-kapitelli ta' fuq l-irjus tal-kolonni, sewwasew 'il fuq miż-żaqq, li kienet 'il fuq mill-girlanda, kien hemm mitejn rummiena f'indani madwar il-kapitelli fuq it-tieni kapitell.

21Imbagħad waqqaf il-kolonni fil-portiku tat-tempju; waqqaf il-kolonna tal-lemin u semmieha Ġakin; u waqqaf il-kolonna tax-xellug u semmieha Bogħaż.

22Fuq il-quċċata tal-kolonni kien hemm għamla ta' ġilju. Hekk kien mitmum ix-xogħol tal-kolonni.

### Il-vaska tal-ilma

23Għamel ukoll vaska għall-ilma tal-bronż fondut, għaxart idriegħ minn xifer sa xifer; kienet tonda, għolja ħamest idriegħ, b'dawra tal-qjies ta' tletin driegħ.

24Taħt ix-xifer kellha indana u għamla ta' faqqus, għaxra kull driegħ, iddur dawramejt magħha; dan il-faqqus kien f'żewġ saffi mdewweb biċċa waħda magħha.

25Il-vaska kienet isserraħ fuq tnax-il gendus, tlieta jħarsu lejn it-Tramuntana, tlieta lejn il-Punent, tlieta lejn in-Nofsinhar u tlieta lejn il-Lvant, bil-warrani tagħhom iħares 'il ġewwa; u l-vaska kienet isserraħ fuqhom.

26Il-ħxuna tagħha kienet ta' erbat iswaba', u x-xifer kien qisu xifer ta' bieqja, u jixbah fl-għamla lill-warda tal-ġilju. Kienet tesa' elfejn batt ilma.

### L-għaxar imqagħad

27U ħadem għaxar imqagħad tal-bronż. Kull maqgħad kien erbat idriegħ twil, erbat idriegħ wiesa', u tlitt idriegħ għoli.

28Din kienet l-għamla ta' dawn l-imqagħad; kellhom it-tilari bil-panewijiet f'nofshom.

29Fuq il-panewijiet bejn it-tilari kien hemm imnaqqxin iljuni, baqar u kerubini; u fuq it-tilari, taħt u fuq l-iljuni, il-baqar u l-kerubini, kien hemm imxebilkin girlandi tal-ward.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

30Kull maqgħad kellu erba' roti tal-bronż bil-fusien tal-bronż ukoll. Fl-erba' kantunieri, imbagħad, kien hemm riffidiet minn taħt il-lenbija; dawn ir-riffidiet kienu tal-bronż fondut ħerġin 'il barra minn kull girlanda.

31Il-maqgħad kellu fetħa 'l ġewwa mir-riffidiet; din il-fetħa kienet tonda, għamla ta' qiegħ il-lenbija, u madwarha kien hemm bħal ċirku għoli nofs driegħ. Il-panewijiet ma kinux tondi imma kwadri.

32L-erba' roti kienu taħt il-panewijiet bil-fusien imwaħħlin mal-maqgħad; u kull rota kienet għolja driegħ u nofs.

33L-għamla ta' kull rota kienet bħal dik ta' rota ta' mirkeb; il-fus, iċ-ċirku, l-imgħażel u l-btaten, kollox fondut.

34Fl-erba' kantunieri tal-maqgħad kien hemm erba' saqajn, biċċa waħda mal-maqgħad.

35Fuq wiċċ il-maqgħad kien hemm bħal ċirku għoli nofs driegħ u r-riffidiet f'wiċċ il-maqgħad u l-panewijiet kienu biċċa waħda miegħu.

36U naqqax fuq il-panewijiet kerubini, iljuni u tamar kull naħa skont il-wisa' tagħhom, u xeblek girlandi dawramejt.

37Hekk għamel l-għaxar imqagħad; kollha bronż fondut, qjies wieħed u għamla waħda.

### L-injiebi

38Għamel ukoll għaxart injiebi tal-bronż, kull waħda tesa' erbgħin batt u kbira erbat idriegħ. U kull lenbija kellha għaliha wieħed mill-għaxar imqagħad.

39U qiegħed l-imqagħad ħamsa n-naħa tal-lemin u ħamsa n-naħa tax-xellug tat-tempju. Il-vaska tal-bronż qegħedha n-naħa tal-lemin tat-tempju, in-naħa tal-Lvant lejn in-Nofsinhar.

40Ħiram għamel ukoll il-kaldaruni, il-pwali, u l-bwieqi.

### Ix-xogħol mitmum

Ħiram temm ix-xogħol kollu li kellu jagħmel lis-sultan Salamun għat-tempju tal-Mulej;

41iż-żewġ kolonni, il-kapitelli mżaqqin għal fuq ras iż-żewġ kolonni, iż-żewġ girlandi biex jiksu ż-żewġ kapitelli mżaqqin ta' fuq il-kolonni;

42l-erba' mitt rummiena għaż-żewġ girlandi, iż-żewġ indani rummien għal kull girlanda li kienet tiksi ż-żaqq taż-żewġ kapitelli ta' fuq ras il-kolonni;

43l-għaxar imqagħad u l-għaxar injiebi għall-imqagħad,

44il-vaska tal-ilma, u t-tnax-il baqra għal taħtha;


© 2020 Malta Bible Society.

45u l-borom, il-pwali u l-bwieqi. Dawn il-ħwejjeġ kollha li għamel Ħiram is-sultan Salamun għat-tempju tal-Mulej, kienu kollha tal-bronż ileqq.

46Is-sultan dewwibhom fil-wita tal-Ġordan, ħdejn il-mogħdija ta' Adama, bejn Sukkot u bejn Saretan.

47Dan it-tagħmir Salamun ma wiżnux; u l-użin baqa' ma tqiesx minħabba l-kotra kbira ta' bronż.

48Hekk Salamun għamel it-tagħmir kollu meħtieġ għat-tempju tal-Mulej; l-artal tad-deheb, u l-mejda tad-deheb għall-ħobż tal-preżenza.

49L-imnariet ta' deheb fin għal quddiem is-santwarju, ħamsa fuq il-lemin u l-ħamsa l-oħra fuq ix-xellug bil-ward u l-imsiebaħ u l-imqassijiet tad-deheb;

50u l-kwies, l-imqassijiet, il-bwieqi, l-imgħaref, iċ-ċnieser tad-deheb, il-bażi tal-bibien tal-kamra ta' ġewwa nett, jiġifieri l-post il-qaddis, u tal-bibien tal-korsija; kollox kien tad-deheb pur.

51Meta ntemm ix-xogħol kollu li għamel is-sultan Salamun għat-tempju tal-Mulej, ġieb Salamun l-offerti li kien għamel David missieru - il-fidda, id-deheb, u l-ħwejjeġ l-oħra - u qiegħed kollox fl-imħażen tat-tempju tal-Mulej.

## 1 Slaten 8

### Il-konsagrazzjoni tat-tempju

1Salamun imbagħad laqqa' flimkien f'Ġerusalemm ix-xjuħ ta' Iżrael, u l-kapijiet tat-tribujiet kollha, u l-prinċpijiet tal-familji ta' wlied Iżrael, biex l-arka tal-patt tal-Mulej itellgħuha mill-belt ta' David, jiġifieri minn Sijon.

2Inġabru għalhekk madwar is-sultan Salamun l-irġiel kollha ta' Iżrael: kien ix-xahar ta' Etanim, is-seba' xahar tas-sena, u kien żmien il-festa.

3U ġew ix-xjuħ kollha ta' Iżrael, u l-qassisin refgħu l-arka.

4U ġarrew l-arka tal-Mulej, u t-tinda tal-laqgħa flimkien ma' kull ħaġa mqaddsa fit-tinda, ġarrewhom il-qassisin u l-leviti.

5Is-sultan Salamun u l-ġemgħa kollha ta' Iżrael miġbura madwaru, qagħdu quddiem l-arka joffru sagrifiċċji ta' nagħaġ u baqar, li ma kontx issib tarf tgħoddhom.

6Imbagħad il-qassisin wasslu l-arka tal-patt tal-Mulej f'postha ġos-santwarju tat-tempju, jiġifieri fil-post il-qaddis; u qegħduha taħt ġwenħajn il-kerubini:

7għax il-kerubini kellhom ġwenħajhom miftuħin fuq fejn tqiegħdet l-arka, hekk li l-kerubini kienu jgħattu huma stess wiċċ l-arka u l-lasti tagħha.


© 2020 Malta Bible Society.

8Il-bsaten kienu tant twal li rjushom kienu jidhru mill-post qaddis quddiem is-
santwarju, imma ma kinux jidhru minn barra, u għadhom hemm sal-lum.

9Xejn ma kien hemm ġol-arka ħlief iż-żewġ twavel tal-ġebel imqegħdin hemm
minn Mosè meta kien Ħoreb: dawn kienu t-twavel tal-patt li bih il-Mulej intrabat
ma' wlied Iżrael huma u ħerġin minn art l-Eġittu.

10Xħin il-qassisin ħarġu mis-santwarju ta' barra, is-sħaba mliet it-tempju tal-
Mulej,

11u minħabba fiha l-qassisin ma setgħux ikomplu s-servizz tagħhom, għax il-
glorja tal-Mulej kienet imliet it-tempju tal-Mulej.

12Imbagħad Salamun qal: "Qiegħed il-Mulej ix-xemx fis-smewwiet; imma hu ried
jgħammar fid-dlam.

13Għalhekk jien bnejtlek dar fejn tgħammar, post fejn toqgħod għal dejjem."

### Id-diskors ta' Salamun

14Imbagħad is-sultan dawwar wiċċu u bierek il-ġemgħa kollha ta' Iżrael; waqt li
l-ġemgħa kollha ta' Iżrael kienet bilwieqfa.

15U qal: "Imbierek il-Mulej, Alla ta' Iżrael, li temm b'idu kulma kien qal b'fommu
lil David missieri meta qallu:

16'Mindu ħriġt lill-poplu tiegħi mill-Eġittu, ma għażilt ebda belt mit-tribujiet
kollha ta' Iżrael, biex fiha nibni tempju li fih ikun hemm ismi; imma għażilt lil
David biex isaltan fuq il-poplu tiegħi ta' Iżrael.'

17"David missieri kellu f'moħħu li jibni tempju lill-isem tal-Mulej, Alla ta' Iżrael.

18U l-Mulej qal lil David missieri: 'Sewwa li kellek f'qalbek li tibni tempju lil ismi,
tajjeb li ġiek f'rasek dan:

19imma mhux int tibnih it-tempju, imma ibnek, li joħroġ mill-ġewwieni tiegħek,
għad jibni tempju lil ismi.'

20U l-Mulej żamm kelmtu li kien tkellem, u lħaqt jien flok David missieri, u
qgħadt fuq it-tron ta' Iżrael, bħalma kien wiegħed il-Mulej, u bnejt it-tempju lil
isem il-Mulej, Alla ta' Iżrael.

21U għamilt hemm post għall-arka li fiha hemm il-patt tal-Mulej, li għamel ma'
missirijietna meta ħariġhom mill-art tal-Eġittu."

### It-talba ta' Salamun

22Imbagħad Salamun, wieqaf quddiem l-artal tal-Mulej, quddiem il-ġemgħa
kollha ta' Iżrael, fetaħ dirgħajh beraħ lejn is-sema

23u qal: "Mulej, Alla ta' Iżrael, la fis-sema 'l fuq u lanqas hawn isfel fl-art, ma
hemm Alla ieħor bħalek, għaliex inti, lil dawk il-qaddejja tiegħek li jimxu fil-


© 2020 Malta Bible Society.

preżenza tiegħek b'qalbhom kollha, ma tiksrilhomx il-patt li għamilt magħhom, lanqas ma tonqsilhom mill-imħabba li dejjem urejthom.

24Int li żammejt il-wegħda li għamilt lill-qaddej tiegħek David missieri, u kulma
tkellimt b'fommok issa temmejtu llum b'idejk.

25U issa Mulej, Alla ta' Iżrael, żomm il-wegħda li għamilt lill-qaddej tiegħek David
missieri meta għedtlu: 'Ma jonqoslok qatt min joqgħod fuq it-tron ta' Iżrael, kemm-il darba jżommu triqthom u jimxu fil-preżenza tiegħi bħalma kont timxi int.'

26U issa, Alla ta' Iżrael, ħa sseħħ kelmtek, li għedt lill-qaddej tiegħek David
missieri.

27"Imma, tgħid, tassew li Alla se jgħix fuq l-art? Ara! Lanqas biss is-smewwiet -
u s-smewwiet tas-smewwiet - ma jesgħuk, aħseb u ara dan id-daqsxejn ta' tempju li bnejt jien!

28Agħti widen, għalhekk, Mulej, Alla tiegħi, għat-talba u s-supplika tal-qaddej
tiegħek; agħti widen għall-għajta ta' ferħ u t-talba li dan il-qaddej tiegħek qiegħed iressaq illum quddiemek.

29Lejl u nhar ħarstek taqlagħhiex minn fuq dan it-tempju, minn fuq dan il-post,
li għalih int kont għedt: 'Ismi jkun hemm.' Isma' t-talba li jagħmillek il-qaddej tiegħek għal dan il-post.

30Isma', mela, din is-supplika, li l-qaddej tiegħek u l-poplu tiegħek Iżrael,
sewwasew f'dan il-post, qegħdin jagħmlulek. Ismagħna int, mis-sema fejn int toqgħod; ismagħna u aħfrilna.

31"Jekk xi ħadd ikun offenda lil għajru, u jkollu jaħlef, u jiġi jaħlef quddiem l-artal
tiegħek f'dan it-tempju,

32isma' int mis-sema, qum u agħmel ħaqq mal-qaddejja tiegħek, billi
tikkundanna lill-ħati u tniżżillu fuq rasu għemilu, u tagħmel il-ġustizzja mal-ġust u tħallsu skont il-ġustizzja tiegħu.

33"Meta l-poplu tiegħek Iżrael jitkisser quddiem l-għadu tiegħu minħabba li jkun
dineb kontrik, u jerġa' lura għal għandek u jfaħħru ismek, jitolbu u jitkarrbu għall-ħniena tiegħek f'dan it-tempju,

34isma' int mis-sema u aħfer il-ħtija tal-poplu tiegħek Iżrael, u reġġagħhom lura
lejn l-art li int tajt lil missirijiethom.

35"Meta jingħalqu s-smewwiet u tonqos ix-xita minħabba li jkunu dinbu kontrik,
u jiġu jitolbu f'dan il-post u jfaħħru ismek, u jerġgħu lura minn dnubhom, għax tkun għakkisthom,


© 2020 Malta Bible Society.

36isma' int mis-sema, u aħfer id-dnub tal-qaddejja tiegħek u l-poplu tiegħek
Iżrael; urihom it-triq it-tajba li għandhom jimxu fiha u agħti x-xita lil artek, li int
tajt b'wirt lill-poplu tiegħek.

37"Meta jaqa' l-ġuħ fuq l-art; titfaċċa l-pesta, l-eħtrieq, it-tinwir tas-siġar, il-ġrad
u d-dud tal-farfett; meta l-għedewwa tiegħu jagħlquh fl-ibliet tiegħu fil-pajjiż;
kull meta jitfaċċa xi flaġell jew mard;

38imqar jekk bniedem waħdu jonkella l-poplu tiegħek kollu ta' Iżrael, jitlob u
jitkarrab bil-ħniena; kull meta xi ħadd jistqarr il-ġrieħi ta' qalbu u jiftaħ idejh
lejn din id-dar,

39isma' int mis-smewwiet fejn tgħammar, u aħfer, u agħmel u agħti lil kulħadd
skont imġibtu; int tagħraf qalbu, għax int waħdek tagħraf il-qalb ta' kull
bniedem.

40Hekk jibżgħu minnek il-jiem kollha li jdumu fuq wiċċ l-art, li inti tajt lil
missirijietna.

41"U l-barrani wkoll, li mhux mill-poplu tiegħek ta' Iżrael, meta jkun sama'
b'ismek il-kbir u l-qawwa ta' idek u driegħek merfugħ

42u jiġi minn art imbiegħda minħabba f'ismek u jitlob f'dan it-tempju,

43isimgħu mis-sema li hi għamartek u agħmel kulma jitolbok il-barrani, biex
ikunu jafu b'ismek il-ġnus kollha tal-art, u jibżgħu minnek, bħall-poplu tiegħek
Iżrael, u jagħrfu li ismek jissejjaħ fuq dan it-tempju li bnejt jien.

44"Meta l-poplu tiegħek joħroġ jitqabad kontra l-għedewwa tiegħu fit-triq li int
tkun bgħatthom, u jitlob lill-Mulej b'wiċċu lejn din il-belt li int għażilt, u lejn it-
tempju li jiena bnejt għal ismek,

45isma' int mis-smewwiet it-talb u s-suppliki tagħhom, u agħmel ġustizzja
magħhom.

46"Meta jidinbu kontra tiegħek - u ma hemmx bniedem li ma jidnibx - u tagħdab
għalihom, u terħihom f'idejn l-għedewwa, u dawn jegħlbuhom, u jeħduhom
ilsiera f'art l-għadu fil-bogħod jew fil-qrib;

47jekk imbagħad jerġgħu lura lejk minn qalbhom fl-art fejn ikunu lsiera u
jikkonvertu, u jitolbu l-ħniena fl-art tal-jasar tagħhom, u jgħidulek: 'Hatja aħna,
dnibna u għamilna l-ħażin';

48jekk jerġgħu lura għal għandek b'qalbhom kollha u b'ruħhom kollha f'art l-
għedewwa tagħhom, li jkunu jassruhom, u jitolbuk b'wiċċhom lejn arthom, li int
tajt lil missirijiethom, lejn il-belt li int ħtart, lejn it-tempju li jien bnejt lil ismek:

49isma' int mis-sema, fejn tgħammar, it-talb u s-supplika tagħhom, u agħmel
ġustizzja magħhom.


© 2020 Malta Bible Society.

50Aħfer lill-poplu tiegħek il-ħtijiet kollha kontrik, id-dnubiet kollha li jkun għamel kontra tiegħek, u agħmel li jsibu ħniena f'min ikun jassarhom, u jħennu għalihom.

51Għax huma l-poplu tiegħek, il-wirt tiegħek, li int ħriġt mill-Eġittu, mill-forġa tal-ħadid.

52"Jalla għajnejk ikunu miftuħa għat-talb tal-ħniena tal-qaddej tiegħek u għall-krib ta' Iżrael, il-poplu tiegħek, u tismagħhom f'kulma jitolbuk.

53Għax int warrabthom għalik minn fost il-popli kollha tal-art biex ikunu l-wirt tiegħek bħalma kont wegħedt permezz ta' Mosè, il-qaddej tiegħek, meta ħriġt lil missirijietna mill-Eġittu, Sidi l-Mulej!"

### Il-barka ta' Salamun

54Xħin Salamun temm jitlob lill-Mulej b'din it-talba u b'din is-supplika kollha, qam minn quddiem l-artal tal-Mulej, fejn kien għarkupptejh b'idejh miftuħa lejn is-sema,

55waqaf u bierek il-ġemgħa kollha ta' Iżrael b'leħen għoli u qal:

56"Imbierek il-Mulej li ta l-mistrieħ lill-poplu tiegħu Iżrael bħalma kien wiegħdu. Ebda wegħda ma sfat fix-xejn milli kien wiegħed permezz tal-qaddej tiegħu Mosè.

57Jalla jkun magħna l-Mulej, Alla tagħna, bħalma kien ma' missirijietna; li ma jħalliniex u li ma jitlaqniex,

58imma li jdawwar qlubna lejh biex nimxu fi triqatu kollha u nħarsu l-kmandamenti, l-ordnijiet u d-digrieti kollha tiegħu, li ordna lil missirijietna.

59Jalla dan il-kliem u t-talb li jien għadni kif għamilt quddiem il-Mulej jibqa' lejl u nhar qrib il-Mulej, Alla tagħna. B'hekk, imbagħad, lili l-qaddej tiegħu, u lill-poplu tiegħu Iżrael, ikun jista' jagħtina dak li jistħoqqilna; kull ħaġa jagħtihielna fil-jum li jkollna bżonnha;

60ħalli l-ġnus kollha tad-dinja jaslu biex jifhmu li l-Mulej hu tassew Alla, u ħliefu ma hawn ebda ieħor.

61U jalla qalbkom, kollha kemm hi, tkun mal-Mulej, Alla tagħna, b'mod li timxu mal-preċetti tiegħu u toqogħdu għall-kmandamenti tiegħu, kif qegħdin tagħmlu llum."

### L-offerti ta' Salamun u l-poplu

62U s-sultan Salamun u Iżrael kollu miegħu offrew sagrifiċċji quddiem il-Mulej.

63Salamun offra bħala sagrifiċċju tas-sliem lill-Mulej dawn l-offerti: tnejn u għoxrin elf gendus, u mija u għoxrin elf nagħġa. Hekk is-sultan u wlied Iżrael ilkoll ikkonsagraw it-tempju tal-Mulej.


© 2020 Malta Bible Society.

64 Dak in-nhar stess is-sultan ikkonsagra l-biċċa tan-nofs tal-wesgħa li kienet quddiem il-Mulej, għax hemm offra sagrifiċċji tal-ħruq bl-offerti u x-xaħam tas-sagrifiċċji tas-sliem; għax l-artal tal-bronż, li kien quddiem id-dar tal-Mulej, kien żgħir wisq għas-sagrifiċċji tal-ħruq, għall-offerti u x-xaħam tas-sagrifiċċji tas-sliem.

65 F'dak iż-żmien Salamun għamel festa b'Iżrael kollu miegħu, ġemgħa kbira ħafna int u dieħel Hamat sal-wied tal-Eġittu, festa quddiem il-Mulej, Alla tagħna, għal sebat ijiem u sebat ijiem sħaħ oħra, erbatax-il jum b'kollox.

66 Fit-tmien jum bagħat il-poplu, u huma bierku lis-sultan u kulħadd mar fl-għarix tiegħu, ilkoll ferħana u qalbhom hienja għall-ġid kollu li għamel il-Mulej ma' David, il-qaddej tiegħu, u ma' Iżrael, il-poplu tiegħu.

## 1 Slaten 9

### Il-Mulej ikellem lil Salamun

1 Ġara li malli Salamun temm il-bini tat-tempju tal-Mulej, u l-palazz tas-sultan, u kulma għoġbu u xtaq li jagħmel,

2 deherlu l-Mulej għat-tieni darba bħalma kien deherlu f'Gibgħon,

3 u l-Mulej qallu: "Smajt it-talba u s-supplika tiegħek li int għamilt quddiemi. Jiena qaddist din id-dar li int bnejt, u hemm jien inqiegħed ismi għal dejjem; hemm ikunu għajnejja u qalbi l-jiem kollha.

4 "Issa jekk timxi fil-preżenza tiegħi kif mexa David missierek bis-safa tal-qalb u bis-sewwa, u tagħmel kulma ordnajtlek, tħares il-liġijiet u d-digrieti kollha tiegħi,

5 jiena nżomm sħiħ it-tron tas-saltna tiegħek fuq Iżrael għal dejjem bħalma jien wegħedt lil David missierek meta għedtlu: 'Ma jonqos qatt wieħed minn nislek fuq it-tron ta' Iżrael.'

6 Imma jekk intom u wliedkom idduru, u twarrbu minni, u ma tħarsux l-ordnijiet u l-liġijiet tiegħi li jiena qegħedtilkom quddiemkom, u tmorru wara allat oħra u taqduhom u tadurawhom,

7 jiena nqaċċat lil Iżrael minn wiċċ l-art li jiena tajthom, u t-tempju li jiena kkonsagrajt għal ismi narmih minn quddiemi; u Iżrael jiġi f'ilsien in-nies, u jaqa' għaż-żufjett fost kemm huma l-ġnus.

8 U dan it-tempju jsir ħerba, u kull min jgħaddi minn ħdejh jibqa' mistagħġeb, u jsaffar u jgħid: 'Għala l-Mulej għamel hekk lil din l-art u lil dan it-tempju?'

9 U jweġbuh: 'Għax telqu lill-Mulej Alla tagħhom, li ħareġ lil missirijiethom mill-art tal-Eġittu, u qabdu ma' allat oħra, u adurawhom u qdewhom. Għalhekk il-Mulej ġieb fuqhom din il-ħerba kollha.' "

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

## Ħidma oħra ta' Salamun

10Wara li kienu għaddew għoxrin sena biex bena ż-żewġt idjar, it-tempju tal-
Mulej u l-palazz tas-sultan

11- billi Hiram, sultan ta' Tir, kien tah injam taċ-ċedru u injam taċ-ċipress u d-
deheb kollu li kien xtaq - is-sultan Salamun ta lil Ħiram għoxrin belt fl-art tal-
Galilija.

12Ħiram ħareġ minn Tir biex jara l-ibliet li kien tah Salamun u ma għoġbuh xejn.

13U qallu: "Xi bliet huma dawn li tajtni, ħija?" U baqgħu jsejħulha art Kabul sal-
lum.

14Ħiram kien bagħat lil Salamun mija u għoxrin talent deheb.

15Dan hu x-xogħol li sar mill-ħaddiema li ġabar bil-lieva s-sultan Salamun biex
bena t-tempju tal-Mulej, il-palazz tiegħu, il-Millu, u s-swar ta' Ġerusalemm,
Ħasor, Megiddu u Geżer.

16Il-Fargħun, sultan tal-Eġittu, tala' u ħa f'idejh lil Geżer, u taha n-nar u ħaraqha,
u qatel lill-Kangħanin li kienu jgħammru fiha, u mbagħad taha b'dota lil bintu,
mart Salamun.

17Għalhekk Salamun raġa' bena l-belt ta' Geżer u Betħoron ta' isfel,

18Bagħlat u Tadmor fid-deżert,

19l-ibliet kollha tal-imħażen li kellu Salamun, u l-ibliet għall-karrijiet u l-ibliet
għar-rikkieba u kulma kien jogħġob lil Salamun li jibni f'Ġerusalemm u fil-
Libanu u fl-art kollha tas-saltna tiegħu.

20In-nies kollha li kien baqa' mill-Amurrin, il-Ħittin, il-Periżżin, il-Ħiwwin u l-
Ġebusin, li ma kinux minn ulied Iżrael -

21id-dixxendenti li ġew warajhom fl-art u li wlied Iżrael ma kienx irnexxielhom
jeqirduhom - Salamun ġagħalhom jaħdmu bħala lsiera kif għadhom sal-lum.

22Iżda minn ulied Iżrael Salamun ma qabbad lil ħadd b'ilsir, għax huma kienu
nies tal-gwerra, il-ministri tiegħu, il-kapijiet tiegħu, il-gwerrieri magħżula u l-
kmandanti tal-karrijiet u r-rikkieba tiegħu.

23U dawn kienu l-kapijiet ewlenin li Salamun qiegħed fuq ix-xogħlijiet tiegħu:
ħames mija u ħamsin, li kienu jikkmandaw in-nies tax-xogħol.

24Meta bint il-Fargħun telgħet mill-belt ta' David għad-dar tagħha li kien bnielha,
Salamun bena l-Millu.

25U Salamun tliet darbiet fis-sena kien joffri sagrifiċċji tal-ħruq u sagrifiċċji tas-
sliem fuq l-artal li kien bena lill-Mulej, u kien jaħraq l-inċens quddiem il-Mulej,
u hekk temm il-bini tat-tempju.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[26]Is-sultan Salamun bena wkoll flotta f'Għesjon-geber, li tinsab ħdejn Elat f'xatt il-Baħar tal-Qasab fl-art ta' Edom.

[27]U Hiram bagħat il-qaddejja tiegħu mal-qaddejja ta' Salamun fuq l-iġfien, u baħrin li jifhmu fil-baħar.

[28]Dawn marru sa Ofir mnejn ħadu erba' mija u għoxrin talent deheb, u ħaduh għand is-sultan Salamun.

## 1 Slaten 10

### Salamun u s-sultana ta' Saba

[1]U semgħet is-sultana ta' Saba bil-fama ta' tħabrik Salamun għal isem il-Mulej, u ġiet biex iġġarrbu b'mistoqsijiet iebsa.

[2]U ġiet Ġerusalemm b'qatgħa ġmielha ta' kbarat magħha, u b'iġmla mgħobbija b'tagħbija kbira ta' ħwawar, u deheb u ħaġar prezzjuż, u ġiet għand Salamun, u qaltlu kulma kellha maħżun f'qalbha.

[3]U Salamun weġibha għal kulma staqsietu; xejn ma kien hemm li baqa' moħbi għas-sultan, li ma kienx jista' jwieġbu.

[4]U meta s-sultana ta' Saba rat l-għerf kollu ta' Salamun u d-dar li kien bena,

[5]l-ikel tal-mejda tiegħu, il-kunsill ta' madwaru, is-servizz tal-qaddejja u lbieshom, il-kuppieri tiegħu, u s-sagrifiċċji tal-ħruq li kien joffri fit-tempju tal-Mulej, baqgħet mistagħġba;

[6]u qalet lis-sultan: "Tassew minnu dak li smajt f'arti fuqek u fuq għerfek.

[7]Ma ridtx nemmen dawn il-ħwejjeġ qabel ma ġejt u rajt b'għajnejja. U ma kinux ħabbruli n-nofs! L-għerf u l-ġid tiegħek huma aktar milli smajt.

[8]Henjin in-nies tiegħek, henjin il-qaddejja tiegħek, li qegħdin miegħek u jisimgħu dejjem l-għerf tiegħek.

[9]Ikun imbierek il-Mulej, Alla tiegħek, li tgħaxxaq bik u qiegħdek fuq it-tron ta' Iżrael, għaliex il-Mulej dejjem ħabb lil Iżrael u għamlek sultan fuqhom biex tagħmel il-ħaqq u l-ġustizzja."

[10]Imbagħad tat lis-sultan mija u għoxrin talent deheb, kotra kbira ta' ħwawar u ħaġar prezzjuż: qatt ma ġiet kotra kbira ta' ħwawar daqs dik li ġiebet is-sultana ta' Saba lis-sultan Salamun.

[11]U l-istess ġfien ta' Hiram, li kienu jġorru d-deheb minn Ofir, ġiebu minn Ofir kotra kbira ta' injam tas-sandal u ħaġar prezzjuż.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

12U mill-injam tas-sandal is-sultan għamel balawstri għat-tempju tal-Mulej u
għall-palazz tas-sultan, kitarri u arpi għall-kantanti. U sal-lum għadu qatt ma ġie
u qatt ma deher injam tas-sandal daqs dak li kien wasallu.

13U s-sultan Salamun ta lis-sultana ta' Saba kulma kienet tixtieq u talbitu, barra
li taha minn rajh ta' sultan li kien. U hi qabdet it-triq u telqet, hi u l-qaddejja
tagħha, lejn pajjiżha.

**L-għana ta' Salamun**

14U d-deheb li kien idaħħal kull sena Salamun kien ilaħħaq mas-sitt mija u sitta
u sittin talent,

15minbarra dak li kienu jġibulu n-neguzjanti u d-dħul tal-kummerċ tal-merkanti,
u mingħand is-slaten tal-Għarabja, u l-gvernaturi tal-pajjiż.

16U s-sultan Salamun għamel ukoll mitejn tarka tad-deheb battut; u kull tarka
ħadet sitt mitt xekel deheb.

17U għamel ukoll tliet mitt tarka żgħira tad-deheb battut, u kull waħda ħadet tliet
miniet deheb, u qegħedhom is-sultan f'dar il-Foresta tal-Libanu.

18U s-sultan għamel tron kbir tal-avorju u ksieh b'deheb mill-ifjen.

19It-tron kellu sitt tarġiet, b'ras ta' għoġol fuq wara, u żewġ dirgħajn wieħed fuq
kull naħa tal-maqgħad, u żewġ iljuni ħdejn id-dirgħajn,

20u tnax-il ljun fuq is-sitt tarġiet, wieħed f'kull tarf ta' tarġa, 'l hemm u 'l hawn.
Qatt ma sar bħalu f'ebda saltna.

21U l-koppiet li kien jixrob minnhom is-sultan Salamun kienu kollha tad-deheb,
u hekk ukoll tad-deheb fin kienu l-koppiet ta' dar il-Foresta tal-Libanu. Xejn ma
kien hemm tal-fidda; għax xejn ma kienu jqisuha l-fidda fi żmien Salamun.

22Għax is-sultan kellu ġfien ta' Tarsis fuq il-baħar mal-iġfien ta' Ħiram; darba kull
tliet snin dawn l-iġfien ta' Tarsis kienu jmorru u jġibu deheb u fidda, avorju u
xadini, u paguni.

23U s-slaten tal-art għaddiehom ilkoll is-sultan Salamun fl-għana u fl-għerf.

24Id-dinja kollha kienet tfittex li tara wiċċ Salamun biex tisma' għerfu li Alla
żejjinlu moħħu bih.

25U kien iġiblu kulħadd l-offerta tiegħu, oġġetti tal-fidda u oġġetti tad-deheb,
ilbies u armi, ħwawar, żwiemel u bgħula ta' kull sena.

26U ġabar Salamun karrijiet u rikkieba, u kellu elf u erba' mitt karru u tnax-il elf
rikkieb, u qassamhom fl-ibliet tal-karrijiet u f'Ġerusalemm madwar is-sultan.

27U l-fidda li kien hemm f'Ġerusalemm is-sultan ġiebha bħall-ġebel, u l-injam taċ-
ċedru għamlu bħall-injam tat-tin selvaġġ li hemm fis-Sefela.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

28Kienu jġibu ż-żwiemel lil Salamun minn Musri u minn Kuwi; kienu jġibuhom
in-neguzjanti tas-sultan bil-prezz tas-suq.

29Karru kien jiġi minn Musri bil-prezz ta' sitt mitt xekel tal-fidda u żiemel b'mija
u ħamsin. Hekk ukoll dawn in-neguzjanti tas-sultan kienu jbigħuhom lis-slaten
tal-Hittin u s-slaten ta' Aram.

## 1 Slaten 11

### Id-dnubiet ta' Salamun

1Is-sultan Salamun beda jħobb ħafna nisa barranin - u mhux biss lil bint il-
Fargħun, imma wkoll lil nisa minn Mowab, minn Għammon, minn Edom, minn
Sidon, u minn fost il-Ħittin -

2jiġifieri, minn dawk il-ġnus li l-Mulej kellu f'moħħu meta lil ulied Iżrael kien
qalilhom: "U la intom ma għandkom tersqu lejhom, u lanqas huma ma
għandhom jersqu lejkom; għaliex inkella żgur li qalbkom idawruhielkom għal
wara l-allat tagħhom." Iżda Salamun kellu qalbu marbuta wisq ma' dawn in-nisa.

3U kellu seba' mitt mara prinċipessi u tliet mija konkubini. U dawn in-nisa tiegħu
ħassrulu qalbu.

4U għalhekk ġara li meta Salamun kien imdaħħal sewwa fiż-żmien, in-nisa li
kellu dawrulu tassew qalbu għal wara allat oħra, hekk li qalbu issa ma baqgħetx
kollha kemm hi mal-Mulej, Alla tiegħu, bħalma kienet qalb David missieru.

5Salamun beda jqim lil Għastoret, alla tan-nies ta' Sidon, u lil Milkom, l-idolu
mistkerraħ li kienu jqimuh in-nies ta' Għammon.

6Din l-imġiba ta' Salamun, li ma baqax ħaġa waħda mal-Mulej sal-aħħar, lill-
Mulej xejn ma għoġbitu. Kemm kien xorta oħra David missieru!

7Imbagħad Salamun bena fuq l-għolja biswit Ġerusalemm santwarju lil Kemos,
l-għajb ta' Mowab, u lil Molok, l-għajb tal-Għammonin.

8U hekk għamel għan-nisa l-oħra kollha barranin, li kienu jaħarqu l-inċens u
joffru s-sagrifiċċji lil allathom.

9Il-Mulej kien issa inkurlat għal Salamun talli ħalla qalbu tinfired minn miegħu,
wara li dan Alla ta' Iżrael kien ġa deherlu darbtejn,

10u wissieh biex ma jmurx wara allat oħra. Iżda Salamun ma qagħadx għat-
twissijiet li l-Mulej kien għamillu.

11U għalhekk qal il-Mulej lil Salamun: "Ladarba ġibt ruħek hekk, u ma ħaristx il-
patt tiegħi, u l-liġijiet li tajtek int ma ħaristhomx, jiena se naħtaf u nċarrat is-
saltna minn fuqek u nagħtiha lil wieħed li hu qaddej tiegħek.


© 2020 Malta Bible Society.

12Imma minħabba f'David missierek din il-ħaġa ma nagħmilhiex fi żmienek.
Minn id ibnek naħtaf is-saltna.

13Iżda ma naħtafhilekx kollha kemm hi; ikun hemm tribù, wieħed biss, li lil ibnek
inħallihulu, kemm minħabba l-qaddej tiegħi David, kemm minħabba
Ġerusalemm li jien għażilt."

### Il-kastigi ta' Salamun

14Il-Mulej qajjem bniedem għadu kontra Salamun: Hadad, minn Edom, mill-
familja tas-slaten ta' Edom.

15Ġara li meta David kien ħabat għal Edom, u Ġowab, il-kmandant tal-eżerċtu,
kien tala' jidfen il-mejtin, dan qatel l-irġiel kollha f'Edom

16(għax Ġowab u Iżrael kollu baqgħu hemm għal sitt xhur sakemm qerdu l-irġiel
kollha f'Edom).

17Imma Hadad ħarab, hu u xi rġiel Edumin miegħu mill-qaddejja ta' missieru, u
marru l-Eġittu; kien għadu daqsxejn ta' żagħżugħ.

18Telqu minn Midjan u marru Paran, ħadu magħhom xi nies minn Paran, u ġew
l-Eġittu għand il-Fargħun, sultan tal-Eġittu, u dan tah dar, ħasiblu għall-ikel u tah
biċċa art.

19U l-Fargħun ħa grazzja ma' Hadad, u tah lil oħt martu, oħt Taħfenes, ir-reġina-
omm.

20U oħt Taħfenes wilditlu lil Genubat, iben, u Taħfenes rabbietu fid-dar tal-
Fargħun, u Genubat baqa' f'dar il-Fargħun ma' wlied il-Fargħun.

21Meta fl-Eġittu sama' li David kien strieħ ma' missirijietu, u Ġowab, il-kmandant
tal-eżerċtu, kien miet, Hadad kellem lil Fargħun: "Ħallini mmur pajjiżi."

22U l-Fargħun wieġbu: "X'jonqsok miegħi, biex trid tmur f'pajjiżek?" U dan qallu:
"Xejn, imma ħallini mmur."

23U Alla qajjimlu għadu ieħor: Reżon bin Eljada, li kien ħarab mingħand sidu
Hadad-għeżer, is-sultan ta' Soba.

24Dan ġabar xi nies madwaru u sar il-kap ta' qatgħa nies, wara li David kien qatel
lill-Aramin; imbagħad mar Damasku u baqa' hemm, u sar sultan ta' Damasku.

25U kien għadu ta' Iżrael iż-żmien kollu ta' Salamun; kien jagħmel il-ħsara
bħalma kien jagħmel Hadad; kien jobgħod lil Iżrael, u jsaltan fuq Aram.

### Il-profezija ta' Aħija

26Ġerobogħam bin Nebat, Efrati minn Sereda - ommu kien jisimha Serugħa,
armla - qaddej ta' Salamun, rafa' wkoll idejh kontra s-sultan.


© 2020 Malta Bible Society.

27U rafa' idejh kontra s-sultan għaliex Salamun kien bena l-Millu, u għalaq is-slieħi li kien hemm fil-ħitan tal-belt ta' David, missieru.

28Issa Ġerobogħam kien raġel ta' ħila u qawwa kbira, u meta Salamun ra li ż-żagħżugħ kien jirsisti fix-xogħol, għamlu suprentendent fuq il-ħaddiema miġbura bil-lieva mid-dar ta' Ġużeppi.

29U ġara li darba minnhom Ġerobogħam ħareġ minn Ġerusalemm, u fit-triq iltaqa' miegħu Aħija, il-profeta minn Silo; dan kellu fuqu mantar ġdid, u kienu weħidhom fir-raba'.

30Imbagħad Aħija qabad il-mantar ġdid li kellu fuqu, u ċarrtu fi tnax-il biċċa.

31U qal lil Ġerobogħam: "Ħu għaxar biċċiet, għax dan jgħid il-Mulej, Alla ta' Iżrael: 'Arani, se naħtaf is-saltna minn idejn Salamun, u lilek nagħtik għaxra mit-tribujiet.

32Inħallilu tribù wieħed minħabba David, il-qaddej tiegħu, u minħabba Ġerusalemm, il-belt li għażilt minn fost it-tribujiet kollha ta' Iżrael.

33Għaliex hu telaqni u niżel jadura 'l Għastoret, alla tas-Sidonin, 'l Kemos, alla ta' Mowab, u lil Milkom, alla tal-Għammonin, u ma mxewx fit-triq tiegħi, u ma għamlux is-sewwa f'għajnejja, u ma ħarisx il-liġijiet u d-digrieti tiegħi, bħal David missieru.

34Lilu, imma, ma neħodlux is-saltna sħiħa minn idejh, imma nħallih prinċep il-jiem kollha ta' ħajtu minħabba David, il-qaddej tiegħi li jien għażiltu u li ħares l-ordnijiet u l-liġijiet tiegħi.

35Jiena naħtaf is-saltna minn idejn ibnu, u nagħtik għaxar tribujiet minnha.

36U lil ibnu nagħtih tribù wieħed, biex jibqa' xrara lil David il-qaddej tiegħi għal dejjem quddiemi f'Ġerusalemm, il-belt li jien għażilt għalija, biex fiha jkun hemm ismi.

37U lilek nieħdok u int issaltan fuq kulma tixtieq qalbek, u tkun sultan fuq Iżrael.

38U jekk inti tisma' minn kulma nordnalek, u timxi fi triqati u tagħmel dak li hu sew f'għajnejja billi tħares id-digrieti u l-ordnijiet tiegħi, bħalma għamel David il-qaddej tiegħi, jien inkun miegħek u nibnilek dar soda, bħalma bnejt lil David, u nerħi lil Iżrael f'idejk;

39u b'hekk ngħakkes lil nisel David minħabba f'hekk, imma mhux għal dejjem."

40U Salamun beda jfittex kif jeqred lil Ġerobogħam; u Ġerobogħam qabad u ħarab l-Eġittu għand Sisak, sultan tal-Eġittu, u baqa' l-Eġittu sa ma miet Salamun.

**Il-mewt ta' Salamun**

41Il-bqija tal-ġrajja ta' Salamun u ta' kulma għamel, u għerfu, dan kollu jinsab miktub fi Ktieb il-Ġrajja ta' Salamun.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

42U ż-żmien li dam isaltan f'Ġerusalemm u fuq Iżrael kollu kien ta' erbgħin sena.

43U Salamun strieħ ma' missirijietu, u difnuh fil-belt ta' David missieru; u floku beda jsaltan Reħobogħam, ibnu.

# 1 Slaten 12

### Il-firda tas-sultan

1Reħobogħam mar f'Sikem, għax f'Sikem kien iltaqa' Iżrael kollu biex jagħmluh sultan.

2Ġara li malli Ġerobogħam bin Nebat, li kien għadu l-Eġittu, fejn kien ħarab minn quddiem is-sultan Salamun, sama' b'dan raġa' lura mill-Eġittu.

3U bagħtu jsejħulu. Imbagħad Ġerobogħam u l-ġemgħa kollha ta' Iżrael ġew u qalu lil Reħobogħam:

4"Missierek qegħdilna madmad iebes fuqna, issa ħaffilna dan il-jasar ta' missierek, u dan it-toqol ta' madmad minn fuqna, u aħna nservuk."

5U hu weġibhom: "Morru, ħallu tlitt ijiem jgħaddu, u erġgħu ejjew għandi." U l-poplu mar.

6Imbagħad is-sultan Reħobogħam ħa parir mingħand ix-xjuħ tal-kunsill, li missieru Salamun, kemm dam ħaj, kien iżommhom madwaru biex jgħinuh. U Reħobogħam staqsiehom: "Xi tweġiba jidhrilkom li għandi nagħti lil dan il-poplu?"

7U huma weġbuh: "Jekk int illum toqgħod għal dan il-poplu u taqdihom, tweġibhom u tfittex tkellimhom bit-tajjeb, huma jkunu l-qaddejja tiegħek għal dejjem."

8Iżda hu warrab fil-ġenb dan il-parir li tawh ix-xjuħ tal-kunsill, u fittex il-parir taż-żgħażagħ li kienu trabbew miegħu, u li issa kienu madwaru,

9u staqsiehom: "Xi tweġiba jidhrilkom li għandi nagħti lil dan il-poplu, li kellmuni u qaluli: "Haffilna l-madmad li kien qegħdilna fuqna missierek?"

10U ż-żgħażagħ li kienu trabbew miegħu weġbuh, u qalulu: "Hekk għid lil dan il-poplu, li kellmuk u qalulek: 'Missierek taqqal il-madmad fuqna u issa ħaffifhulna int,' hekk għidilhom: 'Sebgħi ż-żgħir eħxen minn ġenbejn missieri.

11Missieri taqqlilkom il-madmad, u jien se nżid fuqu. Missieri sawwatkom bil-frosti, imma jiena nsawwatkom bl-iskorpjuni.'

12Fit-tielet jum Ġerobogħam u l-poplu kollu ġew għand Reħobogħam, hekk kif kien ordnalhom is-sultan stess meta qalilhom: "Erġgħu ejjew għandi fit-tielet jum."


© 2020 Malta Bible Society.

13Iżda kiefra kienet it-tweġiba tas-sultan lill-poplu, għax warrab fil-ġenb il-parir
li kienu tawh ix-xjuħ tal-kunsill.

14Qagħad għall-parir taż-żgħażagħ, u għalhekk qalilhom: "Missieri taqqlilkom il-
madmad, u jien se nżid fuqu. Missieri kien isawwatkom bil-frosti, imma jien
insawwatkom bl-iskorpjuni."

15U hekk is-sultan baqa' biex ma tax widen lill-poplu, ladarba din il-ħaġa seħħet
kif kien riedha l-Mulej, sewwasew biex il-Mulej isaħħaħ kelmtu li kien qal lil
Ġerobogħam bin Nebat permezz ta' Aħija ta' Silo.

16Meta Iżrael kollu ra li s-sultan ma tahx widen, il-poplu wieġeb lis-sultan u
qallu: "Ebda sehem ma għandna ma' David; ebda wirt ma' bin Ġesse! Għat-tined
tiegħek, Iżrael! Issa aħseb int għal darek, David!" U Iżrael telqu għat-tined
tagħhom.

17Iżda Reħobogħam baqa' jsaltan fuq ulied Iżrael li kienu joqogħdu fl-ibliet ta'
Ġuda.

18Meta mbagħad is-sultan Reħobogħam bagħat lil Adoram, dak li kien jieħu
ħsieb ix-xogħol tal-lieva, Iżrael kollu ħaġġru u qatluh. Imbagħad is-sultan
Reħobogħam fittex jirkeb il-karru biex jaħrab lejn Ġerusalemm.

19U hekk Iżrael inqata' minn dar David, u baqgħu mifruda minnha sal-lum.

## Ġerobogħam sultan ta' Iżrael

20Malli Iżrael kollu semgħu li Ġerobogħam kien raġa' lura, bagħtu jsejħulu għal-
laqgħa u għamluh sultan fuq Iżrael kollu. U ħadd minnhom ma mar wara d-dar
ta' David ħlief it-tribù ta' Ġuda weħidha.

21U Reħobogħam mar Ġerusalemm, u laqqa' d-dar kollha ta' Ġuda u t-tribù ta'
Benjamin, mija u tmenin elf gwerrier magħżul, biex jaħbtu għal dar Iżrael, u jġibu
s-saltna lil Reħobogħam bin Salamun.

22Imma Alla kellem lil Semajja, bniedem ta' Alla, u qallu:

23"Kellem lil Reħobogħam bin Salamun, sultan ta' Ġuda, u d-dar kollha ta' Ġuda
u ta' Benjamin, u l-bqija tal-poplu, u għidilhom:

24'Dan jgħid il-Mulej: la titilgħux u la titqabdux ma' ħutkom, ulied Iżrael. Kulħadd
imur lejn daru, għax minni ġej dan kollu.' " U huma semgħu l-kelma tal-Mulej u
reġgħu lura bħalma qalilhom il-Mulej.

## Il-qima tal-għoġol

25Ġerobogħam bena 'l Sikem fil-muntanji ta' Efrajm u għammar fiha; u mbagħad
ħareġ minn hemm u bena Penwel.

26Ġerobogħam qal bejnu u bejn ruħu: "Issa jista' jiġri li s-saltna terġa' taqa'
f'idejn id-dar ta' David.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

27Jekk dan il-poplu jibqa' jmur joffri s-sagrifiċċji fit-tempju tal-Mulej f'Ġerusalemm, żgur li l-qalb ta' dawn in-nies iddur mill-ġdid lejn is-sid tagħhom Reħobogħam, sultan ta' Ġuda; u lili joqtluni, u jduru lejn Reħobogħam, sultan ta' Ġuda."

28Għalhekk, wara li ħa parir, is-sultan Ġerobogħam għamel żewġ għoġiela tad-deheb, u lill-poplu qallu: "Ilkom tmorru biżżejjed Ġerusalemm! Iżrael, dawn huma l-allat tagħkom li tellgħukom mill-art tal-Eġittu.

29Huwa qiegħed wieħed mill-għoġiela f'Betel, u l-ieħor qiegħdu f'Dan;

30u din il-ħaġa waqqgħet lil Iżrael fid-dnub. Il-poplu kien imur sa Dan biex iqim l-għoġol.

31Ġerobogħam bena santwarji fuq l-għoljiet, u l-qassisin għażilhom minn fost il-poplu, li ma kinux min-nisel ta' Levi.

32U Ġerobogħam waqqaf festa biex, bħall-festa li kienet issir f'Ġuda, din ukoll issir nhar il-ħmistax tax-xahar, it-tmien xahar tas-sena; u dak in-nhar hu tala' quddiem l-artal. Hekk ukoll għamel f'Betel biex joffri sagrifiċċju lill-għoġiela li kien għamel; u f'Betel ukoll għażel xi qassisin għas-santwarji li bena fuq l-għoljiet.

33U nhar il-ħmistax tax-xahar, it-tmien wieħed tas-sena, xahar li għażlu hu minn rajh, tala' quddiem l-artal li kien għamel f'Betel; dakinhar waqqaf festa għal ulied Iżrael, u tala' quddiem l-artal biex joffri l-inċens.

## 1 Slaten 13

### Il-profezija kontra Ġerobogħam

1U bniedem ta' Alla mar minn Ġuda b'messaġġ mingħand il-Mulej għal Betel; u Ġerobogħam kien fuq l-artal jaħraq l-inċens.

2U dan il-bniedem, b'ordni tal-Mulej, beda jgħajjat kontra l-artal: "Artal! Artal! Dan jgħid il-Mulej: 'Ara, għad jitwieled iben lid-dar ta' David, jismu Ġosija, u jaħraq b'sagrifiċċju fuqek il-qassisin tas-santwarju li qegħdin jaħarqu l-inċens fuqek, u fuqek għad jaħraq l-għadam tal-bnedmin.' "

3Dak il-ħin stess ta sinjal u qal: "Din hi l-prova tal-Mulej: Araw, l-artal jinqasam u jittajjar l-irmied minn fuqu."

4Malli s-sultan sama' l-kliem li l-bniedem ta' Alla kien qal kontra l-artal f'Betel, Ġerobogħam medd idu minn fuq l-artal u qal: "Aqbduh!" Imma idu, li kien medd kontrih, ibbieset, u ma setax jiġbidha lura lejh.

5U l-artal inqasam, u l-irmied ittajjar minn fuq l-artal, skont is-sinjal li kien ta l-bniedem ta' Alla bl-ordni tal-Mulej.


© 2020 Malta Bible Society.

6U s-sultan wieġeb u qal lill-bniedem ta' Alla: "Aqlagħli l-grazzja tal-Mulej, Alla
tiegħek, nitolbok, u itlob għalija biex tintraddli idi lura." U l-bniedem ta' Alla
qalagħlu l-grazzja tal-Mulej, u id is-sultan intradditlu lura, u saret bħal qabel.

7U s-sultan kellem lill-bniedem ta' Alla: "Ejja d-dar miegħi, u ħu xi ħaġa, u nagħtik
rigal."

8U l-bniedem ta' Alla wieġeb lis-sultan: "Tista' tagħtini nofs darek, għax ma niġix
miegħek, u la niekol ħobż u lanqas nixrob ilma f'dan il-post.

9Għax dan hu l-ordni li l-Mulej tani u qalli: 'La tikolx ħobż, u la tixrobx ilma, u
lanqas ma għandek terġa' lura mill-istess triq li tkun għaddejt minnha.' "

10U telaq minn triq oħra, u ma marx lura mit-triq li minnha kien mar Betel.

11U kien hemm joqgħod f'Betel profeta xiħ, u ġew uliedu u ħabbrulu kulma kien
għamel il-bniedem ta' Alla f'Betel dakinhar, u l-kliem kollu li kien qal lis-sultan
tennewh lil missierhom.

12U missierhom staqsiehom: "Liema triq qabad?" U wliedu wrewh it-triq li kien
qabad il-bniedem ta' Alla li kien ġie minn Ġuda.

13U qal lil uliedu: "Xidduli l-ħmar." U xiddewlu l-ħmar, u rikeb fuqu.

14U telaq għal wara l-bniedem ta' Alla, u sabu jistrieħ taħt il-balluta u staqsieh:
"Int il-bniedem ta' Alla li ġie minn Ġuda?" U dak wieġbu: "Jien hu."

15U qallu: "Ejja miegħi d-dar u kul biċċa ħobż."

16U wieġbu: "Ma nistax indur lura u niġi miegħek, u la niekol ħobż u lanqas
nixrob l-ilma miegħek f'dan il-post.

17Għax il-Mulej kellimni u ordnali: 'La tikolx ħobż u la tixrobx ilma f'dak il-post,
u la terġax lura mit-triq li minnha għaddejt biex mort hemm.' "

18U dak wieġbu: "Jiena wkoll profeta bħalek, u anġlu kellimni b'ordni tal-Mulej u
qalli: 'Reġġgħu lura miegħek f'darek biex jiekol il-ħobż u jixrob l-ilma." U hekk
qarraq bih.

19U raġa' lura miegħu, u kiel il-ħobż f'daru, u xorob l-ilma.

20U ġara li, waqt li kienu fuq il-mejda, il-Mulej kellem lill-profeta li kien ġiebu
lura;

21u dan sejjaħ lill-bniedem ta' Alla, li kien ġie minn Ġuda, u qallu: "Dan jgħid il-
Mulej: 'La int qomt kontra l-kelma tal-Mulej u ma ħaristx l-ordni li tak il-Mulej,
Alla tiegħek,

22u rġajt lura, u kilt il-ħobż u xrobt l-ilma fil-post fejn qallek li la għandek tiekol
ħobż u lanqas tixrob ilma, il-katavru tiegħek ma jidħolx f'qabar missirijietek.' "


© 2020 Malta Bible Society.

23U ġara li kiel il-ħobż u xorob l-ilma; imbagħad xiddewlu l-ħmar u raġa' lura.

24Hu u sejjer iltaqa' miegħu ljun u qatlu. Il-katavru tiegħu baqa' mixħut fit-triq u l-ħmar wieqaf ħdejh; hekk ukoll l-iljun baqa' wieqaf ħdejn il-katavru.

25U xi nies, li kienu għaddejjin mit-triq, raw il-katavru minxur fit-triq u l-iljun wieqaf ħdejn il-katavru; u marru u taw l-aħbar fil-belt fejn kien joqgħod il-profeta x-xiħ.

26U sama' l-profeta li kien ġiebu lura mit-triq u qal: "Dan hu l-bniedem ta' Alla li kiser il-kmand tal-Mulej, u l-Mulej telqu lill-iljun, u dan qattgħu u qatlu skont il-kelma li kien qallu l-Mulej."

27U kellem lil uliedu u qalilhom: "Xidduli l-ħmar." U xiddewhulu.

28U telaq u sab il-katavru tiegħu mixħut fit-triq, u l-ħmar u l-iljun wieqfa maġenb il-katavru. L-iljun ma kienx kiel il-katavru u lanqas ma qatta' bċejjeċ lill-ħmar.

29U l-profeta rafa' l-katavru tal-bniedem ta' Alla u għabbieh fuq il-ħmar, u raġa' ħadu lura; u l-profeta x-xiħ daħal bih fil-belt biex jibkih u jidfnu.

30U poġġa l-katavru fil-qabar tiegħu, u bkew fuqu u bdew jgħajtu: "Jaħasra, ħija."

31U ġara li, wara li difnu, kellem lil uliedu u qalilhom: "Meta mmut idfnuni fil-qabar fejn hemm midfun il-bniedem ta' Alla, ħdejn għadmu qiegħdu għadmi.

32Għax għad isseħħ il-kelma li hu għajjat, skont l-ordni tal-Mulej, fuq l-artal li hemm f'Betel u għas-santwarji kollha fuq l-għoljiet li hemm fl-ibliet ta' Samarija."

33Lanqas wara dan kollu ma raġa' lura Ġerobogħam mit-triq il-ħażina li kien qabad; raġa' għamel qassisin għas-santwarji tal-għoljiet minn fost il-poplu. Kull min kien irid kien jagħtih is-setgħa u jsir qassis tas-santwarji.

34U dan kien id-dnub tad-dar ta' Ġerobogħam, li wassalha għat-tiġrif u l-qerda tagħha minn fuq wiċċ l-art.

## 1 Slaten 14

### Aħija l-profeta jħabbar il-ħsara lil Ġerobogħam

1F'dak iż-żmien Abija bin Ġerobogħam marad.

2U Ġerobogħam qal lil martu: "Qum u biddel ħwejġek, biex ma jagħrfux li int mart Ġerobogħam, u mur Silo. Hemm jinsab Aħija l-profeta, dak li kien ħabbarli li kelli nsir sultan fuq dan il-poplu.

3U ħu f'idejk għaxar ħobżiet, kagħak, u ġarra għasel; u mur għandu, u hu jgħidlek x'se jgħaddi mit-tifel."

4U l-mara ta' Ġerobogħam għamlet hekk, qamet u marret f'Silo, u daħlet f'dar Aħija. Aħija ma kienx jista' jaraha għax bix-xjuħija kienu tgħammxulu għajnejh.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

5U l-Mulej ordna lil Aħija: "Ara, mart Ġerobogħam ġejja tistaqsik xi ħaġa dwar
binha għax marid. Dan u dan għidilha." U hi waslet liebsa lbies b'ieħor,

6imma malli Aħija sama' l-ħoss ta' riġlejha hi u dieħla l-bieb qalilha: "Idħol, mart
Ġerobogħam. Għaliex int liebsa lbies b'ieħor? Aħbar iebsa għandi għalik.

7Mur għid li Ġerobogħam: 'Dan jgħid il-Mulej, Alla ta' Iżrael: Jiena rfajtek minn
nofs il-poplu, u għamiltek prinċep fuq il-poplu tiegħi Iżrael.

8Ħtaft is-saltna minn dar David u tajtha lilek. Imma int ma kontx bħall-qaddej
tiegħi David, li kien iħares l-ordnijiet tiegħi, u li kien jimxi warajja b'qalbu kollha,
u jagħmel biss dak li hu tajjeb f'għajnejja.

9Int għamilt agħar minn dawk kollha li kienu qablek, u mort għamilt allat oħra,
u xbihat imdewba biex tgħaddabni u lili xħettni wara dahrek.

10Għalhekk arani issa se nġib il-ħsara fuq dar Ġerobogħam, u neqred l-irġiel
kollha ta' Ġerobogħam, ilsiera u ħielsa f'Iżrael, u niknes dar Ġerobogħam,
bħalma wieħed jiknes iż-żibel, sa ma ntemmu.

11Kull min imut fil-belt mill-familja ta' Ġerobogħam, jikluh il-klieb, u min imut
fir-raba' jikluh it-tajr tal-ajru. Għax il-Mulej tkellem.'

12"U int issa qum u mur f'darek, u malli tmidd riġlejk ġol-belt, it-tifel imut.

13U Iżrael kollu jibkih u jidfnuh: dan waħdu minn dar Ġerobogħam jidħol
f'qabru, għax fih biss minn dar Ġerobogħam sab xi ħaġa tajba l-Mulej, Alla ta'
Iżrael.

14U l-Mulej iqajjem floku sultan fuq Iżrael li jeqred id-dar ta' Ġerobogħam f'dak
il-jum. X'jien ngħid? Issa stess!

15U l-Mulej iħabbat lil Iżrael bħalma r-riħ iħabbat qasba fl-ilma, u jqaċċat lil
Iżrael minn fuq din l-art tajba li ta lil missirijiethom, u jxerridhom 'l hemm mix-
xmara, talli għamlu x-xbihat tagħhom tal-Asera, allat foloz, u għaddbu lill-Mulej.

16U jitlaq lil Iżrael minħabba d-dnubiet li għamel Ġerobogħam, u d-dnubiet li dan
ġagħal jagħmel lil Iżrael."

17U mart Ġerobogħam qamet, u telqet, u waslet Tirsa. Malli rifset l-għatba tad-
dar, it-tifel miet.

18Difnuh u bkewh Iżrael kollu, skont il-kelma tal-Mulej li kien tkellem permezz
tal-qaddej tiegħu Aħija, il-profeta.

19Il-bqija tal-ġrajja ta' Ġerobogħam, kif tqabad u kif saltan, jinsabu miktuba fi
Ktieb il-Ġrajja tas-Slaten ta' Iżrael.

20Ġerobogħam dam isaltan tnejn u għoxrin sena; u strieħ ma' missirijietu, u
saltan floku Nadab ibnu.

### Reħobogħam, sultan ta' Ġuda

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

21 Reħobogħam bin Salamun kien isaltan f'Ġuda; kellu wieħed u erbgħin sena meta beda jsaltan, u saltan sbatax-il sena f'Ġerusalemm, il-belt li l-Mulej għażel minn fost it-tribujiet kollha ta' Iżrael, biex fiha jqiegħed ismu. Ommu kien jisimha Nagħma l-Għammonija.

22 U Ġuda għamel il-ħażin f'għajnejn il-Mulej, u bi dnubiethom li dinbu xegħlu lill-Mulej bl-għira aktar milli kienu għamlu missirijiethom.

23 U bnew huma wkoll is-santwarji, il-plieri tal-ġebel u x-xbihat tal-Asera fuq kull għolja u taħt kull siġra tħaddar.

24 Kien hemm ukoll irġiel prostituti tas-santwarji fil-pajjiż. F'kelma waħda għamlu l-qżiżijiet kollha tal-ġnus, li Alla kien keċċa minn quddiem ulied Iżrael.

25 Fil-ħames sena tas-saltna ta' Reħobogħam, Sisak, sultan tal-Eġittu, tala' għal Ġerusalemm.

26 U ħataf f'idejh it-teżori tat-tempju tal-Mulej, u t-teżori tal-palazz tas-sultan; kollox ħa. Ħa wkoll it-tarkiet kollha tad-deheb li kien għamel Salamun.

27 Flokhom Reħobogħam għamel tarkiet tal-bronż u ħalliehom fi ħsieb il-kmandant tal-gwardji li kienu jgħassu f'bieb il-palazz tas-sultan.

28 U kull meta s-sultan kien imur fit-tempju tal-Mulej, il-gwardji kienu jġorruhom, u mbagħad jerġgħu jqegħduhom fil-kamra tal-gwardji.

29 U l-bqija tal-ġrajja tas-sultan Reħobogħam u ta' kulma għamel, huma miktubin fi Ktieb il-Ġrajja tas-Slaten ta' Ġuda.

30 U kien hemm dejjem il-gwerra bejn Reħobogħam u bejn Ġerobogħam.

31 U Reħobogħam strieħ ma' missirijietu, u difnuh ma' missirijietu fil-belt ta' David. Ommu kien jisimha Nagħma l-Għammonija; u Abijam, ibnu, beda jsaltan floku.

## 1 Slaten 15

### Abijam, sultan ta' Ġuda

1 Fis-sena tmintax tas-sultan Ġerobogħam bin Nebat, beda jsaltan Abijam fuq Ġuda.

2 Tliet snin dam isaltan f'Ġerusalemm; u ommu kien jisimha Magħka bint Absalom.

3 U għamel id-dnubiet kollha li kien għamel missieru qablu: qalbu ma kinitx sħiħa mal-Mulej, Alla tiegħu, bħalma kienet qalb David missieru.

4 Madankollu, il-Mulej, Alla tiegħu, ħallielu minħabba David xrara f'Ġerusalemm billi qajjimlu lil ibnu warajh, u żamm wieqfa Ġerusalemm.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

5Għax David kien għamel is-sewwa f'għajnejn il-Mulej, u qatt f'għomru kollu ma
warrab minn dak kollu li kien ordnalu l-Mulej ħlief fil-każ ta' Urija l-Hitti.

6U kien hemm il-gwerra tul ħajtu kollha bejn Reħobogħam u bejn Ġerobogħam.

7U l-bqija tal-ġrajja ta' Abijam, u kulma għamel, kollha miktuba fi Ktieb il-Ġrajja
tas-Slaten ta' Ġuda; u kien hemm dejjem il-gwerra bejn Abijam u bejn
Ġerobogħam.

8U Abijam strieħ ma' missirijietu u difnuh fil-belt ta' David; u daħal isaltan floku
ibnu Asa.

**Asa, sultan ta' Ġuda**

9Fl-għoxrin sena ta' Ġerobogħam, sultan ta' Iżrael, beda jsaltan Asa, sultan ta'
Ġuda.

10U saltan wieħed u erbgħin sena f'Ġerusalemm, u ommu kien jisimha Magħka
bint Absalom.

11U Asa għamel is-sewwa f'għajnejn il-Mulej bħalma kien għamel David
missieru.

12U warrab l-irġiel prostituti tas-santwarji mill-pajjiż, u neħħa l-idoli kollha li
kienu għamlu missirijietu.

13Warrab saħansitra lil ommu Magħka u neħħieha minn reġina-omm, għax
kienet għamlet idolu moqżież lil Asera; u Asa kisser dan l-idolu u ħarqu fil-wied
ta' Kedron.

14Imma s-santwarji ma tneħħewx; biss qalb Asa kienet sħiħa mal-Mulej għomru
kollu.

15U daħħal f'dar il-Mulej l-offerti mqaddsa ta' missieru u l-offerti tiegħu, fidda,
deheb u ħwejjeġ oħra.

16U kien hemm il-gwerra bejn Asa u bejn Bagħsa, sultan ta' Iżrael, għomorhom
kollu.

17U Bagħsa, sultan ta' Iżrael, tala' kontra Ġuda, u bena Rama, biex ma jħallix lil
Asa, sultan ta' Ġuda, la jidħol u la joħroġ.

18U Asa ħa l-fidda u d-deheb kollu li kien baqa' fit-teżor ta' dar il-Mulej, u fit-
teżor tal-palazz tas-sultan, u tahom f'idejn il-qaddejja tiegħu, u bagħathom
għand Benħadad bin Tabrimmon, bin Heżjon, sultan ta' Aram, li kien joqgħod
Damasku, u qallu:

19"Ħa jkun hemm patt bejni u bejnek, bħalma kien hemm bejn missieri u bejn
missierek. Hawn qiegħed nibgħatlek ir-rigali tal-fidda u d-deheb. Ħoll il-patt li
għandek ma' Bagħsa, sultan ta' Iżrael, sabiex iwarrab minni."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

20U Benħadad sama' mis-sultan Asa, u bagħat il-kmandanti tal-eżerċtu li kellu, biex jaħbtu għall-ibliet ta' Iżrael; u ħarbtu lil Għijon, lil Dan, lil Abel-bet-magħka, u lil Kinneret kollha bl-art kollha ta' Naftali.

21Malli Bagħsa sama' b'dan kollu, waqqaf il-bini ta' Rama u raġa' lura f'Tirsa.

22Imbagħad is-sultan Asa laqqa' lil Ġuda kollha bla ma ħalla 'l ħadd, u ħa l-ġebel u l-injam ta' Rama, li bihom kien bnieha Bagħsa; u s-sultan Asa bena bihom Geba ta' Benjamin u Misfa.

23Il-bqija tal-ġrajja kollha ta' Asa u r-rebħiet tiegħu, u l-opri tiegħu, u l-ibliet li bena, kollox hu miktub fi Ktieb il-Ġrajja tas-Slaten ta' Ġuda. Imma fi xjuħitu marad b'riġlejh.

24U Asa strieħ ma' missirijietu, u difnuh ma' missirijietu fil-belt ta' David missieru; u daħal isaltan floku Ġosofat ibnu.

**Nadab, sultan ta' Iżrael**

25Nadab bin Ġerobogħam laħaq sultan fuq Iżrael fit-tieni sena ta' Asa, sultan ta' Ġuda; u saltan fuq Iżrael għal sentejn.

26U għamel il-ħażin f'għajnejn il-Mulej, u mexa fit-triq ta' missieru; u għamel id-dnubiet tiegħu, li fihom kien waqqa' lil Iżrael.

27Bagħsa bin Aħija, mit-tribù ta' Issakar, għamel konfoffa kontrih; u Bagħsa qatlu f'Gibbeton, belt tal-Filistin, meta Nadab u l-Iżraelin kollha kienu dawru lil Gibbeton.

28Bagħsa qatlu fit-tielet sena ta' Asa, sultan ta' Ġuda, u sar sultan floku.

29Malli beda jsaltan qered id-dar kollha ta' Ġerobogħam; ma kienx hemm ruħ ħajja mid-dar ta' Ġerobogħam li ma qeridhiex skont il-kelma tal-Mulej, li kien tkellem il-Mulej permezz tal-qaddej tiegħu Aħija, is-Siloni,

30minħabba d-dnubiet ta' Ġerobogħam, li dineb hu u ġagħal lil Iżrael jidinbu, u b'hekk għaddab il-Mulej, Alla ta' Iżrael.

31Il-bqija tal-ġrajja ta' Nadab u kulma għamel huma miktuba fi Ktieb il-Ġrajja tas-Slaten ta' Iżrael.

32U kien hemm il-gwerra bejn Asa u bejn Bagħsa, sultan ta' Iżrael, għomorhom kollu.

**Bagħsa, sultan ta' Iżrael**

33Fit-tielet sena ta' Asa, sultan ta' Ġuda, beda jsaltan Bagħsa bin Aħija, fuq Iżrael kollu, f'Tirsa; u dam isaltan għal erbgħa u għoxrin sena.

34Għamel il-ħażin f'għajnejn il-Mulej, u qabad it-triq ta' Ġerobogħam, u waqa' fi dnubietu, u ġagħal lil Iżrael jidneb.


© 2020 Malta Bible Society.

# 1 Slaten 16

1U waslet il-kelma tal-Mulej lil Ġeħu bin Ħanani, kontra Bagħsa, u qallu:

2"Billi int, għalkemm jien erfajtek mit-trab u qegħedtek prinċep fuq il-poplu tiegħi Iżrael, qbadt it-triq ta' Ġerobogħam, u waqqajt fid-dnub il-poplu tiegħi Iżrael, u qanqalt l-għadab tiegħi minħabba dnubiethom,

3arani, se niknes lil Bagħsa u daru; u nagħmel lil darek bħad-dar ta' Ġerobogħam bin Nebat.

4Min imut mid-dar ta' Bagħsa fil-belt jikluh il-klieb, u min imutlu fir-raba' jikluh it-tajr tal-ajru."

5U l-bqija tal-ġrajja ta' Bagħsa, u kulma għamel, u r-rebħiet tiegħu huma miktuba fi Ktieb il-Ġrajja tas-Slaten ta' Iżrael.

6U Bagħsa strieħ ma' missirijietu, u difnuh f'Tirsa; u floku beda jsaltan Ela, ibnu.

7U l-kelma tal-Mulej waslet kontra Bagħsa u daru permezz tal-profeta Ġeħu bin Ħanani, mhux biss għall-ħażen li kien għamel f'għajnejn il-Mulej, u għaddbu b'għemil idejh, u sar bħad-dar ta' Ġerobogħam, imma wkoll għax kien qered lil din id-dar għalkollox.

### Ela, sultan ta' Iżrael

8Fis-sitta u għoxrin sena tas-saltna ta' Asa, sultan ta' Ġuda, beda jsaltan Ela bin Bagħsa fuq Iżrael f'Tirsa; u dam sentejn.

9U Żimri, qaddej tiegħu u kaptan ta' nofs il-karrijiet, ikkonfoffa kontrih. Waqt li Ela kien f'Tirsa, jiekol u jixrob fid-dar ta' Arsa, li kien il-maġġordom tal-palazz f'Tirsa,

10Żimri daħal, ħabat għalih, u qatlu fis-sena sebgħa u għoxrin ta' Asa, sultan ta' Ġuda, u beda jsaltan floku.

11U ġara li malli beda jsaltan, u qagħad fuq it-tron, ħabat għad-dar kollha ta' Bagħsa u ma ħalla minnha ebda raġel, la mill-qraba bid-dritt tal-vendetta u lanqas minn ħbiebu.

12Żimri qered id-dar kollha ta' Bagħsa skont il-kelma tal-Mulej, li kien qal fuq Bagħsa permezz tal-profeta Ġeħu,

13minħabba d-dnubiet ta' Bagħsa, u d-dnubiet ta' ibnu Ela, li għamlu huma u ġagħlu lil Iżrael jagħmlu, b'mod li jqanqlu l-għadab tal-Mulej Alla ta' Iżrael bl-allat fiergħa tagħhom.

14U l-bqija tal-ġrajja ta' Ela u kulma għamel, huma miktuba fi Ktieb il-Ġrajja tas-Slaten ta' Iżrael.

### Żimri, sultan ta' Iżrael

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

15Fis-sena sebgħa u għoxrin tas-saltna ta' Asa, sultan ta' Ġuda, Żimri saltan għal sebat ijiem f'Tirsa. Il-poplu kien fil-kamp quddiem Gibbeton tal-Filistin.

16U malli l-poplu, li kien fil-kamp, sama' min jgħid: "Żimri kkonfoffa kontra s-sultan u qatlu," dak in-nhar stess fil-kamp għamlu lil Għomri, kmandant tal-eżerċtu, sultan fuq Iżrael kollu.

17U Għomri u Iżrael kollu miegħu telqu minn Gibbeton, u dawru 'l Tirsa.

18Malli Żimri ra li l-belt inqabdet, mar fit-torri tal-palazz tas-sultan u tah in-nar, u ħaraq fuqu nnifsu l-palazz tas-sultan, u miet;

19dan seħħ minħabba dnubietu li dineb billi għamel il-ħażin f'għajnejn il-Mulej meta qabad it-triq ta' Ġerobogħam - id-dnubiet li ġagħal lil Iżrael jagħmlu.

20U l-bqija tal-ġrajja ta' Żimri, u l-konfoffa li għamel, huma kollha miktuba fi Ktieb il-Ġrajja tas-Slaten ta' Iżrael.

21Imbagħad inqasam il-poplu ta' Iżrael, nofs u nofs. Nofs il-poplu mar wara Tibni bin Ginat, biex jagħmluh sultan; u n-nofs l-ieħor mar wara Għomri.

22Imma l-poplu li kien wara Għomri għeleb lil dak li mar wara Tibni bin Ginat; u Tibni miet, u saltan floku Għomri.

### Għomri, sultan ta' Iżrael

23Fis-sena wieħed u tletin ta' Asa, sultan ta' Ġuda, Għomri sar sultan fuq Iżrael, u dam isaltan tnax-il sena: sitta minnhom għamilhom isaltan f'Tirsa.

24Imbagħad xtara l-għolja ta' Samarija mingħand Semer b'żewġ talenti tal-fidda, u bnieha. U l-belt li bena fuqha semmieha għal Semer li kien sid l-għolja.

25Iżda l-għemil ħażin ta' Għomri xejn ma għoġbu lill-Mulej; għamel agħar minn dawk kollha li kien hemm qablu.

26U mexa fit-triq ta' Ġerobogħam bin Nebat, u għamel dnubietu li ġagħal lil Iżrael jagħmlu biex xegħlu l-korla tal-Mulej, Alla ta' Iżrael, bl-allat fiergħa tagħhom.

27U l-bqija tal-ġrajja ta' Għomri, u ta' kulma għamel u wettaq, huma miktuba fi Ktieb il-Ġrajja tas-Slaten ta' Iżrael.

28Għomri strieħ ma' missirijietu, u difnuh f'Samarija; u daħal isaltan floku ibnu Aħab.

### Aħab, sultan ta' Iżrael

29Aħab bin Għomri sar sultan ta' Iżrael fis-sena tmienja u tletin ta' Asa, sultan ta' Ġuda; u dan Aħab bin Għomri, dam isaltan fuq Iżrael f'Samarija tnejn u għoxrin sena.

30Iżda l-għemil ħażin ta' Aħab bin Għomri lill-Mulej xejn ma għoġbu: għamel agħar minn dawk kollha li kien hemm qablu.


© 2020 Malta Bible Society.

31Xejn ma kien iqisha bi kbira li jagħmel huwa wkoll id-dnubiet li kien waqa' fihom Ġerobogħam bin Nebat; iżżewweġ lil Ġeżabel, bint Etbagħal, sultan tal-poplu ta' Sidon, u wasal biex ta qima lil Bagħal u adurah.

32Lil dan għamillu wkoll artal fit-tempju li bnielu f'Samarija.

33Aħab waqqaf ukoll ix-xbieha tal-Asera, u żied jagħmel ħwejjeġ oħra ħżiena, hekk li għaddab għalih lill-Mulej, Alla ta' Iżrael, iżjed milli għas-slaten kollha ta' Iżrael, li kien hemm qablu.

34Fi żmienu wkoll Ħijel, minn Betel, bena Ġeriko. Il-pedament tagħha swielu l-mewt ta' ibnu l-kbir Abiram, u l-bwieb tagħha lil ibnu ż-żgħir Segub, skont il-kelma tal-Mulej, li kien qal permezz ta' Ġożwè bin Nun.

## 1 Slaten 17

### Il-profeta Elija

1Elija minn Tisbi ta' Gilgħad, qal lil Aħab: "Daqs kemm hu ħaj il-Mulej, Alla ta' Iżrael, li jien inservi quddiemu, ma jkunx hemm dawn is-snin la nida u lanqas xita, jekk mhux meta nitkellem jien."

2Il-Mulej kellem lil Elija u qallu:

3"Itlaq minn hawn, iġbed lejn il-Lvant, u mur inħeba fil-wied ta' Kerit, biswit il-Ġordan.

4Inti tixrob mill-wied, u jien ikkmandajt liċ-ċawl jitimgħek hemmhekk."

5Elija telaq u għamel kif qallu l-Mulej, u qagħad ħdejn il-wied ta' Kerit biswit il-Ġordan.

6U ċ-ċawl kienu jġibulu ħobż u laħam mas-sebħ u ħobż u laħam filgħaxija. U kien jixrob mill-wied.

7Imma wara ftit taż-żmien il-wied nixef, għax ma kinitx għamlet xita fil-pajjiż.

8Il-Mulej kellem lil Elija u qallu:

9"Qum u mur f'Sarefta ta' Sidon, u oqgħod hemm. Jien ikkmandajt lil waħda armla minn hemm biex titimgħek."

10Qam u rħielha lejn Sarefta. Kif wasal ħdejn bieb il-belt, kien hemm waħda armla tiġbor il-ħatab. Elija sejħilha u qalilha: "Jekk jogħġbok, ġibli f'bieqja belgħa ilma x'nixrob."

11Hi u sejra, Elija raġa' sejħilha u qalilha: "Ġibli wkoll, jekk jogħġbok, kisra ħobż f'idek."

12Hija wieġbet: "Daqs kemm hu ħaj il-Mulej, Alla tiegħek, ma għandi xejn maħbuż; qabda dqiq f'ġarra u ftit żejt fil-kus kulma baqagħli. Ara, qiegħda niġbor

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

biċċtejn ħatab; issa nħejji xi ħaġa għalija u għal ibni; u mbagħad nikluha u mmutu."

13Elija wieġeb: "La tibżax, mur u agħmel kif għedtli: imma qabel agħmel ftira żgħira għalija, u ġibhieli. Imbagħad agħmel għalik u għal ibnek.

14Għax din hi l-kelma tal-Mulej, Alla ta' Iżrael: Il-ġarra tad-dqiq ma tintemm qatt, u l-kus taż-żejt ma jitbattalx, sa dak in-nhar li l-Mulej jibgħat ix-xita fil-pajjiż."

15U dik marret u għamlet kif qalilha Elija. Damu jieklu għal żmien, hi u hu, u darha kollha.

16U l-ġarra tad-dqiq ma ntemmitx, u l-kus taż-żejt ma tbattalx, kif kien qal il-Mulej permezz ta' Elija.

17Wara dawn il-ġrajja marad it-tifel ta' dik il-mara li kienet sidt id-dar. U ġara li l-marda tqawwiet tant li ma kienx baqagħlu iżjed nifs.

18U hi qalet lil Elija: "X'hemm bejni u bejnek, bniedem ta' Alla? Jaqaw ġejt hawn biex tfakkarni fi ħżuniti u toqtolli 'l ibni?"

19U hu wieġeb: "Agħtini lil ibnek." U ħadu minn ħoġorha, u tellgħu fl-għorfa fejn kien jgħammar hu, u meddu fuq il-mitraħ tiegħu.

20U sejjaħ lill-Mulej u qal: "Mulej, Alla tiegħi, fuq din l-armla wkoll, li qiegħed magħha, ridt iġġib il-ħsara u toqtlilha lil binha?"

21U mtedd tliet darbiet fuq it-tifel, u sejjaħ lill-Mulej u qal: 'Mulej, Alla tiegħi, ħalli ruħ it-tifel tarġa' lura fih!'

22U l-Mulej sama' leħen Elija, u ruħ it-tifel reġgħet lura fih, u ħa l-ħajja.

23U Elija qabad it-tifel u niżżlu d-dar mill-għorfa, u tah lil ommu; u Elija qalilha: "Ara, ibnek ħaj."

24U l-mara qalet lil Elija: "Issa naf li int bniedem ta' Alla, u l-kelma tal-Mulej fuq fommok hi s-sewwa."

## 1 Slaten 18

### Elija u Aħab

1U għadda ħafna żmien u l-kelma tal-Mulej waslet lil Elija fit-tielet sena u qallu: "Mur, u ppreżenta ruħek quddiem Aħab, u jien nibgħat ix-xita fuq wiċċ l-art."

2U Elija mar biex jidher quddiem Aħab. Il-ġuħ kien għafas sewwa fuq is-Samarija,

3u Aħab sejjaħ lil Għobadija, li kien jieħu ħsieb il-palazz. Issa Għobadija kien jibża' ħafna mill-Mulej.


© 2020 Malta Bible Society.

4Meta Ġeżabel kienet qiegħda teqred il-profeti tal-Mulej, Għobadija qabad mitt
profeta u ħbiehom, ħamsin ħamsin, fl-għerien, u kien jipprovdilhom ħobż u ilma.

5Aħab qal lil Għobadija: "Ejja, mur u ara kull għajn tal-ilma u kull wied fil-pajjiż;
għandna mnejn insibu xi ftit tal-ħdura biex inżommu ħajja ż-żwiemel u l-bgħula,
u ma nħallux il-bhejjem imutu."

6U qassmu l-pajjiż bejniethom biex iduruh. Aħab qabad triq għalih waħdu, u
Għobadija triq oħra għalih waħdu.

7Ġara li meta Għobadija kien fit-triq, iltaqa' miegħu Elija għal għarrieda. Għarfu,
u niżel wiċċu fl-art quddiemu, u qallu: "Int jaqaw sidi Elija?"

8U qallu: "Jien hu. Mur għid lil sidek: 'Hawn hu Elija' ".

9U wieġbu: "Xi ħtija għandi biex titlaqni f'idejn Aħab biex joqtolni?

10Daqs kemm hu ħaj il-Mulej, Alla tiegħek, ma hawnx ġens jew saltna li sidi ma
bagħatx għandhom ifittxuk, u lkoll qalulu: 'Mhux hawn'. U kien iġiegħel lil dik is-
saltna jew ġens jaħlef, li ma kinux sabuk.

11U issa int tiġi tgħidli: 'Mur għand sidek u għidlu: 'Hawn hu Elija'.

12U mbagħad jiġri li jien nitlaq minn ħdejk, u l-ispirtu tal-Mulej iġorrok lejn ma
nafx fejn; u jien immur ngħarraf lil Aħab, u ma jsibekx, u joqtolni. Kun af li l-
qaddej tiegħek dejjem kien jibża' mill-Mulej sa minn żgħożiti.

13Jaqaw ma għarrfux lil sidi x'kont għamilt meta Ġeżabel kienet toqtol il-profeti
tal-Mulej? Kemm ħbejt mill-profeti tal-Mulej, mitt ruħ, ħamsin ħamsin, fl-
għerien, u kont nipprovdilhom ħobż u ilma!

14U issa int qiegħed tgħidli: 'Mur għid lil sidek: Hawn hu Elija', biex imbagħad
joqtolni."

15U Elija wieġbu: "Daqs kemm hu ħaj il-Mulej tal-eżerċti, li jien qiegħed inservi
quddiemu, li llum stess nidher quddiemu."

16U Għobadija mar jiltaqa' ma' Aħab u tah l-aħbar. U Aħab mar jiltaqa' ma' Elija.

17U ġara li malli Aħab ra lil Elija, Aħab qallu: "Int hawn, int li qiegħed taqleb lil
Iżrael ta' taħt fuq?"

18U hu wieġbu: "Le, mhux jien li qiegħed naqleb lil Iżrael ta' taħt fuq, imma int u
dar missierek, għax intom tlaqtu l-kmandamenti tal-Mulej u mortu wara l-
Bagħlim.

19U issa ibgħat u iġborli lil Iżrael kollu fuq il-muntanja tal-Karmel u l-erba' mija
u ħamsin profeta ta' Bagħal u l-erba' mija tal-Asera, li jieklu mill-mejda ta'
Ġeżabel."

20U Aħab bagħat messaġġiera ma' Iżrael kollu, u ġabar il-profeti fuq il-Karmel.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

21Elija resaq lejn il-poplu kollu, u qalilhom: "Kemm se ddumu titlajjaw minn
naħa għal oħra? Jekk il-Mulej hu Alla, morru warajh; inkella morru wara Bagħal,
jekk inhu hu." Il-poplu ma għarafx iwieġeb.

22Elija qal lill-poplu: "Mill-profeti tal-Mulej bqajt jiena waħdi; u l-profeti ta'
Bagħal ilaħħqu mal-erba' mija u ħamsin wieħed.

23Agħtuna żewġ gniedes; ħallu 'l dawn jagħżlu gendus għalihom u jqattgħuh
bċejjeċ, u jqegħduh fuq il-ħatab bla ma jkebbsu n-nar. U jiena nħejji l-gendus l-
ieħor u nqiegħdu fuq il-ħatab bla ma nkebbes in-nar.

24Intom sejħu l-alla tagħkom, u jiena nsejjaħ isem il-Mulej. Dak l-alla li jwieġeb
permezz tan-nar, dan ikun hu Alla." "Sewwa!" wieġeb il-poplu kollu.

25Imbagħad Elija qal lill-profeti ta' Bagħal: "Agħżlu l-gendus, u ibdew intom,
għaliex intom l-iktar fil-għadd. Intom sejħu isem l-allat tagħkom bla ma tqabbdu
n-nar."

26Huma ħadu l-gendus li tawhom, ħejjewh, u bdew mis-sbiħ sa nofsinhar isejħu
isem Bagħal u jgħajtu: "Bagħal, weġibna!" Iżda ebda kelma ma kien hemm, u
ebda tweġiba; u baqgħu jaqbżu quddiem l-artal li kienu għamlu.

27F'nofsinhar Elija beda jiddieħak bihom u jgħidilhom: "Għajtu b'leħen ogħla,
għax tassew hu alla: għandu mnejn jinsab imħasseb, jew imħabbat, jew imsiefer;
inkella rieqed, ħa jistenbaħ."

28U bdew jgħajtu b'leħen ogħla, u jqattgħu ġisimhom, skont id-drawwa tagħhom,
bi sjuf u skieken, sa ma beda jċarċar id-demm fuqhom.

29Għadda nofsinhar, u baqgħu mitlufa sa ma wasal il-ħin tal-offerta tal-vittma,
iżda ma kien hemm ebda kelma, ebda tweġiba, ebda widen.

30Elija qal lill-poplu kollu: "Ersqu lejja." U l-poplu kollu resaq lejh. U hu raġa'
waqqaf l-artal tal-Mulej li kien iġġarraf.

31Elija ħa tnax-il ġebla, skont l-għadd tat-tribujiet ta' wlied Ġakobb, li lilu l-Mulej
kien qallu: "Iżrael ikun ismek."

32U b'dan il-ġebel bena artal għal isem il-Mulej, ħaffer madwaru gandott jesa'
daqs żewġ sigħan żerriegħa,

33qiegħed sewwa l-ħatab, qatta' l-gendus, u qiegħdu fuq il-ħatab. Imbagħad
qalilhom: "Imlew erba' ġarar ilma, u ferrgħuhom fuq il-vittma u fuq il-ħatab."

34"Erġgħu għat-tieni darba," qalilhom; u reġgħu għat-tieni darba. "Erġgħu għat-
tielet darba," raġa' qalilhom; u reġgħu għat-tielet darba.

35L-ilma tferrex madwar l-artal, u l-gandott ta' madwaru mtela bl-ilma.


© 2020 Malta Bible Society.

36Fil-ħin li joffru s-sagrifiċċju, il-profeta Elija ħareġ fin-nofs u għajjat: "Mulej, Alla ta' Abraham, ta' Iżakk u ta' Iżrael, uri llum li inti Alla fost Iżrael, u li jiena l-qaddej tiegħek, u li dan kollu għamiltu għall-kelma tiegħek.

37Weġibni, Mulej, weġibni, ħalli jkun jaf dan il-poplu li int, Mulej, int Alla, u li int dawwartilhom qalbhom lura!"

38U niżel nar mingħand il-Mulej, u ħaraq il-vittma, u l-ħatab, u l-ġebel, u t-trab, sa ma xorob l-ilma fil-gandott.

39U dan rah il-poplu kollu, u nxteħtu wiċċhom fl-art jistqarru: "Jaħweh, Alla hu! Jaħweh, Alla hu!"

40U Elija qalilhom: "Aqbdu l-profeti ta' Bagħal, tħallu 'l ħadd minnhom jeħles." U qabduhom, u Elija niżżilhom fil-wied ta' Kison, u qatilhom hemm.

41Imbagħad Elija qal lil Aħab: "Itla', kul u ixrob, għaliex qiegħed jinstema' ħoss kbir ta' xita."

42Aħab tala' jiekol u jixrob. U Elija tala' fuq il-quċċata tal-Karmel, inxteħet fl-art, u qiegħed wiċċu bejn irkupptejh.

43U qal lill-qaddej tiegħu: "Itla', u ħares lejn in-naħa tal-baħar." Dak tala', ħares, u qal: "Ma hemm xejn." Qallu: "Erġa' mur seba' darbiet."

44U l-qaddej tala' seba' darbiet. Mas-seba' darba qabad jgħajjat: "Ara, hemm sħaba daqs keffa ta' id ta' raġel, tielgħa mill-baħar." Qallu Elija: "Mur għidlu lil Aħab: 'Arma l-karru u inżel, qabel ma tilħqek ix-xita'."

45Malli dan, is-sema swied, qam ir-riħ, u bdiet nieżla xita kbira. Aħab rikeb u telaq lejn Ġeżragħel.

46U id il-Mulej niżlet fuq Elija, u dan ħażżem qaddu, u mar jiġri jilħaq lil Aħab sa fejn jibda Ġeżragħel.

## 1 Slaten 19

### Elija jaħrab lejn il-Ħoreb

1Aħab għarraf lil Ġeżabel b'kulma kien għamel Elija, u kif qatel lill-profeti kollha bix-xabla.

2U Ġeżabel bagħtet messaġġier lil Elija jgħidlu: "Dan jagħmluli l-allat u iżjed minn hekk, jekk għada bħalissa ma nkunx għamilt minn ħajtek kulma sar mill-ħajja ta' kull wieħed minnhom."

3U baża', u qabad u telaq biex isalva ħajtu, u mar Birsaba li hemm f'Ġuda, u ħalla l-qaddej tiegħu hemm.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

4Il-profeta rħielha lejn id-deżert. Wara jum mixi waqaf, inxteħet taħt siġra tal-ġummar, talab li jmut, u qal: "Issa biżżejjed, Mulej; ħudli 'l ħajti, għax m'iniex aħjar minn missirijieti!"

5U mtedd għad-dell tal-ġummara, u raqad. Kif kien rieqed messu anġlu, u qallu: "Qum u kul!"

6Elija dawwar wiċċu, u lemaħ ħdejn rasu ftira moħmija u ġarra ilma; kiel u xorob, u raġa' mtedd.

7Għat-tieni darba ġie l-anġlu tal-Mulej, u raġa' messu u qallu: "Qum u kul, inkella ma tkunx tiflaħ għall-mixja li fadallek."

8Elija qam, kiel u xorob, u bis-saħħa ta' dak l-ikel baqa' miexi għal erbgħin jum u erbgħin lejl sa ma wasal Horeb, il-muntanja tal-Mulej.

9Hemmhekk daħal fl-għar u għadda l-lejl ġo fih. U waslitlu l-kelma tal-Mulej u qallu: "Hawn x'inti tagħmel, Elija?"

10U hu wieġeb: "Għandi qalbi tħeġġeġ għall-aħħar għall-Mulej, Alla tal-eżerċti, għaliex ulied Iżrael ħallew il-patt tiegħek, farrku l-artali tiegħek, u 'l-profeti tiegħek qatluhom bix-xabla. Jien waħdi bqajt, u qegħdin ifittxu jneħħuli ħajti."

11U Alla wiegħbu: "Oħroġ, u oqgħod fuq il-muntanja quddiem il-Mulej." U hemm hu, jgħaddi l-Mulej; riħ qawwi, b'saħħa li jofroq il-muntanji u jfarrak il-blat, għadda quddiem il-Mulej; imma l-Mulej ma kienx f'dan ir-riħ. U wara dan ir-riħ theżżet l-art imma l-Mulej ma kienx f'din it-theżżiża.

12U wara t-theżżiża kien hemm in-nar, imma l-Mulej ma kienx fin-nar. Wara n-nar inħasset żiffa ħelwa.

13Elija, kif ħassha, għatta wiċċu bil-mantell, ħareġ barra, u waqaf f'bieb l-għar. U fil-ħin jisma' leħen jgħidlu: "X'inti tagħmel hawn, Elija?"

14U hu wieġeb: "Għandi qalbi tħeġġeġ għall-aħħar għall-Mulej, Alla tal-eżerċti, għaliex ulied Iżrael ħallew il-patt tiegħek, farrku l-artali tiegħek, u 'l-profeti tiegħek qatluhom bix-xabla. Jien waħdi bqajt, u qegħdin ifittxu jneħħuli ħajti."

15Il-Mulej qal lil Elija: "Itlaq u erġa' aqbad triqtek lejn id-deżert ta' Damasku. U malli tasal, idlek lil Ħażajel bħala sultan ta' Aram;

16hekk ukoll lil Ġeħu bin Nimsi, idilku sultan ta' Iżrael; u lil Eliżew bin Safat, ta' Abel-meħola, idilku profeta flokok.

17Jekk xi ħadd jeħles mix-xabla ta' Ħażajel, joqtlu Ġeħu; u jekk xi ħadd jeħles mix-xabla ta' Ġeħu, joqtlu Eliżew.

18Jiena nħalli f'Iżrael sebat elef, jiġifieri dawk kollha li ma niżlux għarkupptejhom quddiem Bagħal, u dawk kollha li ma bisuhx b'xufftejhom."


© 2020 Malta Bible Society.

19Elija telaq minn hemm u sab lil Eliżew bin Safat, waqt li kien qiegħed jaħrat bi
tnax-il żewġ gniedes quddiemu; u hu kien qiegħed imexxi t-tnax-il wieħed.
Resaq lejh Elija, u xeħet fuqu l-mantell tiegħu.

20Dan ħalla l-gniedes u mar jiġri wara Elija jgħidlu: "Ħallini mmur insellem lil
missieri u 'l ommi, imbagħad niġi warajk." "Mur," qallu Elija, "u erġa' ejja; għaliex
x'għamiltlek jiena?"

21Eliżew tbiegħed minnu, qabad żewġ gniedes, qatilhom u offriehom sagrifiċċju.
U bl-għodda tal-ħrit sajjar il-laħam, qassmu lin-nies, u kielu. U hu mar wara Elija,
u beda jservih.

## 1 Slaten 20

### Aħab u Benħadad

1Benħadad, sultan ta' Aram, ġabar l-eżerċtu kollu tiegħu; kellu miegħu tnejn u
tletin sultan, u żwiemel u karrijiet, u tala', u dawwar Samarija, u ħabat għaliha.

2U bagħat messaġġiera fil-belt għand Aħab, sultan ta' Iżrael,

3u qallu: "Dan jgħid Benħadad: 'Il-fidda u d-deheb tiegħek tiegħi huma, u hekk
ukoll in-nisa tiegħek u l-aħjar fost uliedek huma tiegħi.'

4U s-sultan ta' Iżrael wieġeb u qallu: "Iva, kif tgħid int, sultan sidi; tiegħek jien, u
kulma għandi."

5Imma l-messaġġiera reġgħu ġew u qalulu: "Dan jgħid Benħadad: 'Jien bgħatt
ngħidlek: il-fidda u d-deheb tiegħek, u wliedek u n-nisa tiegħek, tagħtihom lili.

6Mela għada bħalissa nibgħat il-qaddejja tiegħi għandek, u jfittxulek darek u djar
il-qaddejja tiegħek, u kulma jogħġobhom, jaqbduh f'idejhom u jeħduh.' "

7U s-sultan ta' Iżrael sejjaħ l-anzjani kollha tal-pajjiż u qalilhom: "Kunu afu u
araw li dan qiegħed ifittxilna l-ħsara. Bagħat għandi għan-nisa tiegħi u għal
uliedi, għall-fidda u d-deheb tiegħi, u jien ma ċaħħadtux minnhom."

8U x-xjuħ u l-poplu qalulu lkoll: "La tismax minnu, u toqgħodx għalih."

9U qal lill-messaġġiera ta' Benħadad: "Għidlu lis-sultan sidi: 'Kulma bgħatt titlob
lill-qaddej tiegħek qabel, nagħmlu; imma dan ma nistax nagħmlu.' " U l-
messaġġiera marru, u tawh ir-risposta.

10U Benħadad bagħat jgħidlu: "Dan jagħmluli l-allat u iżjed, jekk it-trab tas-
Samarija jkun biżżejjed biex kull wieħed mill-kotra li għandi warajja jieħu qabda
ta' id."

11U s-sultan ta' Iżrael wieġeb u qallu: "Għidulu: 'Qis li min ixidd l-armi, ma
jiftaħarx bħal min ineħħihom minn fuqu.' "

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

12Ġara li malli Benħadad sama' dan il-kliem kif kien qiegħed jixrob, hu u s-slaten, fl-għerejjex, ordna lill-qaddejja tiegħu: "Tqassmu." U tqassmu madwar il-belt.

13U ara, wieħed profeta resaq lejn Aħab, is-sultan ta' Iżrael, u qallu: "Dan jgħid il-Mulej: 'Qiegħed tara int din il-kotra kbira? Arani llum se nerħihielek f'idejk, u tkun taf li jien il-Mulej.'"

14U Aħab staqsieh: "Permezz ta' min?" U hu wieġbu: "Dan jgħid il-Mulej; permezz taż-żgħażagħ tal-kapijiet tal-provinċji." Aħab issokta jistaqsi: "Min jibda t-taqbida?" U dak wieġeb: "Inti."

15U Aħab, imbagħad, għadd iż-żgħażagħ tal-kapijiet tal-provinċji, u kien hemm mitejn u tnejn u tletin; imbagħad għadd il-kotra kollha ta' wlied Iżrael li kienu sebat elef.

16U ħarġu f'nofsinhar meta Benħadad kien qiegħed jixrob u jisker fl-għarix flimkien mat-tnejn u tletin sultan li kienu marru jgħinuh.

17Ħarġu l-ewwel iż-żgħażagħ tal-kapijiet tal-provinċji; u Benħadad bagħat jitkixxef, u għarrfuh u qalulu: "Ħarġu xi nies mis-Samarija."

18U hu wieġeb: "Jekk ħarġu għall-paċi aqbduhom ħajjin; u jekk ħarġu għall-ġlied aqbduhom ħajjin l-istess."

19U dawk ħarġu mill-belt - iż-żgħażagħ tal-kapijiet tal-provinċji bl-eżerċtu warajhom.

20U kull wieħed minnhom darab lil ta' quddiemu; u l-Aramin ħarbu u l-Iżraelin għamlu għal warajhom; u Benħadad, is-sultan ta' Aram, ħarab fuq iż-żiemel flimkien mar-rikkieba.

21U ħareġ is-sultan ta' Iżrael u ħabat għaż-żwiemel u l-karrijiet, u ta xebgħa kbira lill-Aramin.

22U resaq lejn is-sultan ta' Iżrael il-profeta, u qallu: "Mur u arma ruħek; fittex u ara x'għandek tagħmel, għaliex la tasal sena oħra, is-sultan ta' Aram jerġa' jitla' għalik."

**Rebħa oħra fuq Benħadad**

23Il-qaddejja tas-sultan ta' Aram qalulu: "L-allat tagħhom huma allat tal-muntanji, għalhekk huma għelbuna. Jekk aħna naħbtu għalihom fil-wita, negħlbuhom żgur.

24Issa agħmel hekk: neħħi s-slaten kull wieħed minn postu, u qiegħed flokhom fizzjali.

25U rawwem eżerċtu daqs l-eżerċtu li tlift, żiemel b'żiemel, u karru b'karru, imbagħad naħbtu għalihom fil-wita, u negħlbuhom żgur." U sama' minn kliemhom, u għamel hekk.


© 2020 Malta Bible Society.

26 Ġara li malli għaddiet sena Benħadad għadd l-Aramin u tala' Afek biex jaħbat għal Iżrael.

27 U wlied Iżrael kienu magħduda u armati u ħarġu għalihom; u waqqfu l-kamp quddiemhom bħal żewġ imrieħel mogħoż, imma l-Aramin kienu jimlew l-art.

28 U bniedem ta' Alla resaq u qal lis-sultan ta' Iżrael: "Dan jgħid il-Mulej: 'Talli l-Aramin qalu: Alla tal-muntanji hu l-Mulej, u mhux alla tal-widien, jien nerħi f'idejk din il-kotra kbira kollha, u tkunu tafu li jien il-Mulej.' "

29 U huma baqgħu fil-kamp quddiem xulxin għal sebat ijiem, u fis-seba' jum qabdet it-taqtigħa; u wlied Iżrael darbu f'jum wieħed mill-Aramin mitt elf raġel mill-fanterija.

30 Il-bqija ħarbu lejn Afek fil-belt, u s-sur waqa' fuq is-sebgħa u għoxrin elf ruħ li kien għad fadal. Benħadad ukoll ħarab, u daħal il-belt ifittex jinħeba minn kamra għal oħra.

31 U l-qaddejja tiegħu qalulu: "Smajna li s-slaten ta' dar Iżrael, slaten ħanina. Ħalli, mela, inxiddu xkejjer ma' ġenbejna, u ħbula ma' għonqna, u noħorġu lejn is-sultan ta' Iżrael; għandu mnejn iħallik tgħix."

32 U xiddew xkejjer ma' ġenbejhom, u ħbula ma' għonqhom, u marru għand is-sultan ta' Iżrael u qalulu: "Il-qaddej tiegħek Benħadad jgħid: 'Iddew! Ħallini ngħix!' " U hu wieġeb: "Għadu ħaj? Huwa ħija."

33 Dawn in-nies ħaduha b'sinjal tajjeb, u fittxew ħatfuh fil-kelma u qalulu: "Benħadad ħuk?" U Aħab qalilhom: "Morru ġibuh." Imbagħad Benħadad ħareġ jiltaqa' miegħu; Aħab tellgħu fuq il-karru.

34 U Benħadad qallu "Jien irroddlok lura l-ibliet li missieri kien ħa lil missierek, u int tiftaħ swieq f'Damasku, bħalma kien fetaħ missieri f'Samarija." U Aħab wieġbu: "U jien inħallik tmur b'dan il-patt." U għamel patt miegħu u ħallieh imur.

35 U wieħed minn ulied il-profeti, b'ordni tal-Mulej, qal lil wieħed minn sħabu: "Idrobni, nitolbok." Imma dak ma riedx jidorbu.

36 U qallu: "Talli int ma smajtx il-kelma tal-Mulej, ara, int u titbiegħed minni jidorbok l-iljun." U warrab minn ħdejh, u sabu l-iljun, u dan ħabat għalih u qatlu.

37 U sab raġel ieħor u qallu: "Idrobni." U r-raġel darbu u ferieh.

38 U l-profeta mar jistenna s-sultan fit-triq, bla ma wera ruħu min hu billi għatta għajnejh b'faxxa.

39 U kif kien għaddej is-sultan, hu beda jgħajjat lis-sultan, u jgħid: "Il-qaddej tiegħek ħareġ f'nofs it-taqbida, u, ara, wieħed raġel warrab u ġiebli wieħed, u qalli: "Hu ħsieb dan ir-raġel. Jekk jirnexxilu jaħrab, ikollok tħallas ħajtu b'ħajtek, jew b'talent tal-fidda.


© 2020 Malta Bible Society.

40U kif kien il-qaddej tiegħek ħsiebu 'l hemm u 'l hawn, dak ħarab." U s-sultan ta'
Iżrael qallu: "Din hi s-sentenza! Int stess qtajtha."

41U l-profeta malajr neħħa l-faxxa minn fuq għajnejh, u s-sultan ta' Iżrael induna
li kien wieħed mill-profeti.

42U dan qallu: "Dan jgħid il-Mulej: 'Talli int ħallejt jitlaq minn idejk bniedem li
jien kont sħett, ħajtek se tagħmel tajjeb għalih, u l-poplu tiegħek għall-poplu
tiegħu.' "

43U s-sultan ta' Iżrael telaq lejn daru qalbu sewda u inkurlat, u daħal f'Samarija.

## 1 Slaten 21

### Aħab u Nabot

1Wara dan ġara li Nabot, raġel minn Ġeżragħel, kellu għalqa tad-dwieli
f'Ġeżragħel ħdejn il-palazz ta' Aħab, sultan ta' Samarija.

2U Aħab qal lil Nabot: "Agħtini l-għalqa tiegħek tad-dwieli biex nagħmel minnha
ġnien tal-ħxejjex billi qiegħda maġenb dari. Flokha nagħtik għalqa oħra tad-
dwieli aħjar minnha; jew, jekk jidhirlek li jkun aħjar, nagħtik flus b'kemm tiswa."

3Iżda Nabot wieġeb lil Aħab: "Iħarisni l-Mulej milli qatt nagħtik wirt missirijieti!"

4Aħab mar id-dar bil-buli u b'dagħdigħa fuqu minħabba fil-kliem li Nabot, il-
Ġeżragħeli, kien qallu: "Ma nagħtikx wirt missirijieti." Mar jimtedd f'soddtu,
dawwar wiċċu u ma kiel xejn.

5Resqet lejh martu Ġeżabel, u staqsietu: "Għala inti bil-buli, u ma trid tiekol
xejn?"

6U hu wieġeb: "Jien kellimt lil Nabot, il-Ġeżragħeli, u għedtlu: 'Agħtini l-għalqa
tiegħek tad-dwieli bil-flus kemm tiswa; jew, jekk jidhirlek li jkun aħjar, nagħtik
għalqa oħra tad-dwieli flokha." U hu wieġeb: "Ma nagħtikx l-għalqa tiegħi tad-
dwieli."

7U martu Ġeżabel qaltlu: "Issa int tridha ta' sultan fuq Iżrael? Qum, ħu xi ħaġa
tal-ikel, u tieħu r-ruħ. Jiena nagħtihielek l-għalqa tad-dwieli ta' Nabot, il-
Ġeżragħeli."

8U kitbet ittra f'isem Aħab, u ssiġillatha bis-siġill tiegħu; u l-ittra bagħtitha lix-
xjuħ u lill-kbarat li kienu jgħammru ma' Nabot fil-belt tiegħu.

9U fl-ittra kitbet, u qalet: "Niedu sawma, u qiegħdu lil Nabot f'ras il-kotra.

10U qiegħdu tnejn min-nies ta' qattagħni biswitu biex jixhdu kontrih, u jgħidulu:
'Dgħajt b'Alla u bis-sultan,' u mbagħad oħorġuh, u ħaġġruh sa ma jmut."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

11In-nies tal-belt tiegħu, ix-xjuħ u l-kbarat li kienu jgħammru fil-belt tiegħu,
għamlu kif bagħtet tgħidilhom fl-ittra Ġeżabel.

12Nidew sawma, u qiegħdu 'l Nabot f'ras il-poplu.

13U ġew tnejn min-nies mill-agħar, u poġġew quddiemu; imbagħad dawn in-nies
mill-agħar xlew lil Nabot quddiem il-poplu b'dan il-kliem: "Nabot seħet lil Alla u
lis-sultan." Harġuh barra mill-belt, ħaġġruh, u miet.

14Malli dan, bagħtu jgħidu lil Ġeżabel: "Nabot ġie mħaġġar u miet."

15Meta Ġeżabel semgħet li Nabot ħaġġruh u miet, marret tgħid lil Aħab: "Qum u
ħu l-għalqa tad-dwieli ta' Nabot, il-Ġeżragħeli, li ma riedx jagħtihielek bil-flus!
Nabot ma għadux ħaj: miet!"

16Malli Aħab sama' li Nabot miet, qam u niżel jieħu f'idejh l-għalqa tad-dwieli ta'
Nabot il-Ġeżragħeli.

17Il-Mulej kellem lil Elija, it-Tisbi, u qallu:

18"Qum, inżel għand Aħab, is-sultan ta' Iżrael, li jgħammar f'Samarija. Issibu fl-
għalqa tad-dwieli ta' Nabot, fejn niżel biex jeħodha f'idejh.

19U għidlu dan: 'Hekk jgħid il-Mulej: L-ewwel qtilt, u issa tisraq! U żid għidlu:
'Hekk jgħid il-Mulej: Fejn il-klieb lagħqu demm Nabot, hemm il-klieb jilagħqu
demmek ukoll."

20U wieġeb Aħab lil Elija: "Qbadtni, ja għadu tiegħi?" "Qbadtek," qallu, "u la darba
int begħt ruħek biex tagħmel il-ħażin quddiem il-Mulej,

21arani jien issa se nġib fuqek il-ħsara; jien neqred nislek warajk, inqaċċat mid-
dar ta' Aħab l-irġiel kollha, ħielsa jew ilsiera, f'Iżrael.

22U nagħmel mill-familja tiegħek bħall-familja ta' Ġerobogħam bin Nebat, u
bħall-familja ta' Bagħsa bin Aħija, għax inti għaddabtni u waqqajt lil Iżrael fid-
dnub."

23Il-Mulej tkellem ukoll għal Ġeżabelu qal: 'Fuq is-swar ta' Ġeżragħel lil Ġeżabel
għad jikluha l-klieb.'

24Kull min mill-familja ta' Aħab imut fil-belt, jikluh il-klieb; u min imut fir-raba'
jikluh it-tajr tal-ajru."

25U tassew, qatt ħadd bħal Aħab ma nbiegħ biex jagħmel il-ħażin f'għajnejn il-
Mulej, billi martu Ġeżabel kienet issus warajh.

26U l-qżież kollu li għamel billi mar wara l-idoli, bħalma għamlu l-Amurrin, li Alla
kien keċċa minn quddiem ulied Iżrael.

27Aħab, malli sama' dan il-kliem, ċarrat ħwejġu, libes xkora fuq il-laħam, sam,
beda jorqod bl-ixkora fuqu, u kien jgħaddi ħiemed ħiemed.


© 2020 Malta Bible Society.

28 U Alla kellem lil Elija, it-Tisbi, u qallu:

29 “Rajt kif Aħab iċċekken quddiemi? Għax iċċekken quddiemi, ma nġibx fuqu l-ħsara fi żmienu; imma fi żmien ibnu nġibha l-ħsara fuq il-familja tiegħu.”

## 1 Slaten 22

### Ftehim bejn Aħab u Ġosafat

1 Għaddew tliet snin u ma kien hemm ebda gwerra bejn Iżrael u Aram.

2 Fit-tielet sena Ġosafat, sultan ta’ Ġuda, niżel għand is-sultan ta’ Iżrael.

3 U s-sultan ta’ Iżrael qal lill-qaddejja tiegħu: “Ma tafux li Ramot-gilgħad hi tagħna, u aħna bi kwietna, għax ma naqbdux u neħduha minn idejn is-sultan ta’ Aram?”

4 U qal lil Ġosafat: “Tiġi miegħi u naħbtu għal Ramot-gilgħad?” Ġosafat wieġeb lis-sultan ta’ Iżrael: “Lili qisni int; lill-poplu tiegħi qisu l-poplu tiegħek, iż-żwiemel tiegħi qishom iż-żwiemel tiegħek.”

5 U Ġosafat qal lis-sultan ta’ Iżrael: “Ħa nistħarrġu issa l-kelma tal-Mulej.”

6 U s-sultan ta’ Iżrael ġabar il-profeti, erba’ mitt wieħed, u staqsiehom: “Immur naħbat għal Ramot-gilgħad jew nibqa’ hawn?” U huma wieġbu: “Itla’, u jerħiha s-Sid f’idejn is-sultan.”

7 U Ġosafat qal: “Ma għadx baqa’ xi profeta tal-Mulej, biex nistaqsu lilu.”

8 U s-sultan ta’ Iżrael wieġeb lil Ġosafat: “Għad fadal ieħor biex nistaqsu lill-Mulej permezz tiegħu. Imma jien noboghdu għax qatt ma jħabbarli r-riżq, imma dejjem id-deni. Dan hu Mikajja bin Imla.” U Ġosafat wieġeb: “Ma għandux jgħid hekk is-sultan.”

9 U s-sultan ta’ Iżrael sejjaħ lil wieħed mill-uffiċjali u qallu: “Ġib malajr lil Mikajja bin Imla.”

10 Is-sultan ta’ Iżrael u Ġosafat, sultan ta’ Ġuda, kienu qegħdin bilqiegħda kull wieħed fuq it-tron tiegħu, it-tnejn libsin gala, fil-misraħ quddiem id-daħla tal-bieb ta’ Samarija, u l-profeti kollha kienu jħabbru quddiemhom.

11 U Sedekija bin Kengħana għamel qrun tal-ħadid u qal: “Dan jgħid il-Mulej: ‘B’dawn tidrob lil Aram sa ma ġġibhom fix-xejn.’ ”

12 U l-profeti lkoll bdew iħabbru l-istess u jgħidu: “Itla’ għal Ramot-gilgħad, u r-riżq miegħek; għax il-Mulej jerħiha f’idejn is-sultan.”

13 Il-messaġġier, li mar isejjaħ lil Mikajja, kellmu u qallu: “Ara, il-profeti lkoll kelma waħda jħabbru r-riżq tas-sultan. Tkun mela l-kelma tiegħek bħall-kelma ta’ kull wieħed minnhom, u ħabbar ir-risq.”

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

14 U Mikajja wieġeb: “Daqs kemm hu ħaj il-Mulej, dak li jgħidli l-Mulej ngħidhulu.”

15 U wasal għand is-sultan u s-sultan qallu: “Mikajja, immur naħbat għal Ramot-gilgħad, jew nibqgħu hawn?” U hu wieġbu: “Itla’, u r-riżq miegħek, il-Mulej jerħiha f’idejn is-sultan.”

16 U s-sultan qallu: “Kemm-il darba għandi nġagħlek taħlef jien, biex ma tgħidlix ħlief is-sewwa f’isem il-Mulej?”

17 U l-profeta wieġeb: “Rajt lil Iżrael kollu mxerred fuq il-muntanji bħan-nagħaġ bla ragħaj, u l-Mulej qal: ‘Ma għandhomx sidien dawn: ħa jerġgħu bis-sliem kulħadd għal daru!”

18 U s-sultan ta’ Iżrael qal lil Ġosafat: “Ma għedtlikx jien, li mhux se jħabbarli r-riżq imma d-deni?”

19 Imma l-profeta qal: “Mela isma’ l-kelma tal-Mulej: ‘Jien rajt lill-Mulej bilqiegħda fuq it-tron tiegħu, u l-eżerċti kollha tas-sema qegħdin fuq il-lemin u fuq ix-xellug tiegħu.

20 U l-Mulej qal: ‘Min se jqarraq b’Aħab biex jitla’, u jibqa’ mejjet f’Ramot-gilgħad?’ U min wieġeb ħaġa, u min oħra.

21 Imbagħad ħareġ spirtu u ppreżenta ruħu quddiem il-Mulej, u qallu: ‘Jiena nqarraq bih.’ U l-Mulej staqsieh: ‘Biex?’

22 U dak wieġeb: ‘Jien noħroġ u nkun l-ispirtu tal-gideb fuq fomm il-profeti tiegħu kollha.’ U wieġbu: ‘Int tqarraq bih u tirbaħ żgur, mur u agħmel hekk.’

23 U issa, ara, il-Mulej qiegħed l-ispirtu tal-gideb fuq fomm dawn il-profeti kollha tiegħek, u l-Mulej qatagħha li jibgħatlek id-deni.”

24 U resaq Sedekija bin Kengħana, u ta daqqa ta’ ħarta lil Mikajja u qallu: “Kif inhi din li l-ispirtu tal-Mulej għadda mingħandi biex ikellem lilek?”

25 “U wieġbu Mikajja: “Għad tarah int stess dak in-nhar li tibda tiġri minn kamra għal oħra tfittex tistaħba.”

26 U s-sultan ta’ Iżrael qal: “Aqbad lil Mikajja, u ħudu għand Amon, prinċep tal-belt, u Ġowas, bin is-sultan,

27 u għidilhom: ‘Dan jordna s-sultan: Ixħtu lil dan fil-ħabs, u itimgħuh bi ftit ħobż u ilma, sakemm nerġa’ lura bis-sliem.’ ”

28 U Mikajja qal: “Jekk int terġa’ lura bis-sliem, ma jkunx tkellem il-Mulej bija.” U ssokta: “Isimgħu, ilkoll kemm intom, ġnus!”

29 U s-sultan ta’ Iżrael u Ġosafat, sultan ta’ Ġuda, telgħu għal Ramot-gilgħad.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

30 U s-sultan ta' Iżrael qal lil Ġosafat: "Se nbiddel ħwejġi qabel ma niġi għall-
battalja; iżda inti ibqa' bi ħwejġek." U s-sultan ta' Iżrael biddel ħwejġu, u mar
għall-battalja.

31 U s-sultan ta' Aram ordna lit-tnejn u tletin fizzjal tal-karrijiet tiegħu, u
qalilhom: "Titqabdux maż-żgħir u l-kbir, imma fittxu lis-sultan ta' Iżrael biss."

32 U ġara li malli l-fizzjali tal-karrijiet lemħu lil Ġosafat qalu: "Dak hu s-sultan ta'
Iżrael." U daru biex jaħbtu għalih; imma Ġosafat beda jgħajjat.

33 Xħin il-fizzjali tal-karrijiet raw li ma kienx is-sultan ta' Iżrael, reġgħu lura
minnu.

34 U wieħed ġibed il-qaws bl-addoċċ, u laqat is-sultan ta' Iżrael bejn il-malji u l-
kurazza. U dan qal lis-sewwieq tal-karru: "Dawwar idejk u oħroġni 'l barra mill-
kamp għax qiegħed inħossni ħażin."

35 U dakinhar il-battalja ħraxet, u s-sultan żammewh wieqaf fuq il-karru tiegħu
biswit Aram il-jum kollu, u miet filgħaxija, u d-demm tal-ferita baqa' jċarċar mal-
karru.

36 Hi u nieżla x-xemx, ġriet għajta mal-kamp kollu: "Kulħadd lejn beltu, u kulħadd
għal pajjiżu."

37 U s-sultan miet. Imbagħad marru s-Samarija, u difnu lis-sultan f'Samarija.

38 Ħaslu l-karru fl-għadira tas-Samarija, u l-klieb lagħqu demmu; u nħaslu fiha n-
nisa żienja, skont ma kien tkellem il-Mulej.

39 U l-bqija tal-ġrajja ta' Aħab u kulma kien għamel, il-palazz tal-avorju li kien
tella', u l-bliet kollha li kien bena, kollha huma miktuba fi Ktieb il-Ġrajja tas-
Slaten ta' Iżrael.

40 U Aħab strieħ ma' missirijietu, u beda jsaltan floku ibnu Aħażija.

### Ġosafat, sultan ta' Ġuda

41 U Ġosafat bin Asa beda jsaltan fuq Ġuda fir-raba' sena ta' Aħab, sultan ta' Iżrael.

42 U Ġosafat kellu ħamsa u tletin sena meta beda jsaltan, u saltan f'Ġerusalemm
għal ħamsa u għoxrin sena. Ommu kien jisimha Għażuba, bint Silħi.

43 U mexa għalkollox fit-triq ta' Asa missieru, bla ma tbiegħed xejn minnha; u
għamel dak li kien jogħġob lill-Mulej.

44 Imma ma qeridx is-santwarji, u l-poplu baqa' joffri s-sagrifiċċji u l-inċens fis-
santwarji.

45 Ġosafat kien dejjem fil-paċi mas-sultan ta' Iżrael.

46 U l-bqija tal-ġrajja ta' Ġosafat, u r-rebħiet li għamel u l-gwerer li ġġieled,
jinsabu miktuba fi Ktieb il-Ġrajja tas-Slaten ta' Ġuda.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

47Qered ukoll mill-pajjiż l-irġiel prostituti tas-santwarji, li kien għad fadal fi
żmien Asa, missieru.

48Ma kienx hemm sultan f'Edom, imma kien isaltan reġġent:

49għalhekk Ġosafat bena iġfna ta' Tarsis biex imorru f'Ofir ifittxu d-deheb, iżda
ma marrux għax l-iġfna tfarrku f'Għesjon-geber.

50Imbagħad Aħażija bin Aħab qal lil Ġosafat: "Ħa jmorru l-qaddejja tiegħi mal-
qaddejja tiegħek fl-iġfien." Imma Ġosafat ma riedx.

51U Ġosafat strieħ ma' missirijietu, u difnuh ma' missirijietu fil-belt ta' David
missieru, u daħal isaltan floku Ġeħoram, ibnu.

### Aħażija, sultan ta' Iżrael

52Aħażija bin Aħab beda jsaltan fuq Iżrael f'Samarija fis-sbatax-il sena ta'
Ġosafat, sultan ta' Ġuda, u dam isaltan fuq Iżrael sentejn.

53U għamel il-ħażin f'għajnejn il-Mulej, u qabad it-triq ta' missieru, u t-triq ta'
ommu, u t-triq ta' Ġerobogħam bin Nebat, li waqqa' lil Iżrael fid-dnub.

54U kien jaqdi lil Bagħal u jinżel quddiemu wiċċu fl-art, u għaddab lill-Mulej, Alla
ta' Iżrael, bħalma kien jagħmel missieru.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

# 2 Slaten 1

### Aħażija jfittex lil Bagħal-żebub

1 Wara l-mewt ta’ Aħab, Mowab qam kontra Iżrael.

2 Aħażija waqa’ mit-tieqa tal-għorfa tiegħu f’Samarija u weġġa’. U bagħat messaġġiera u qalilhom: “Morru u staqsu lil Bagħal-żebub, alla ta’ Għekron, jekk iniex se nfiq minn din il-marda.”

3 U l-anġlu tal-Mulej qal lil Elija, it-Tisbi: “Qum u itla’ ltaqa’ mal-messaġġiera tas-sultan tas-Samarija, u għidilhom: ‘Jaqaw ma hemmx Alla f’Iżrael, biex intom sejrin tistaqsu lil Bagħal-żebub, alla ta’ Għekron?

4 Għalhekk dan jgħid il-Mulej: Il-mitraħ li nxħett fuqu ma tinżilx minnu, għax int se tmut żgur.’ ” U Elija telaq.

5 U l-messaġġiera reġgħu lura u s-sultan staqsiehom: “Għala rġajtu lura?”

6 U huma weġbuh: “Ġie raġel jilqagħna u qalilna: ‘Aqbdu u morru lura għand is-sultan li bagħatkom u għidulu: ‘Dan jgħid il-Mulej: Ma hemmx Alla, biex int bgħatt tistaqsi lil Bagħal-żebub, alla ta’ Għekron? Għalhekk il-mitraħ li nxħett fuqu ma tinżilx minnu, għax se tmut żgur.’ ”

7 U staqsiehom: “X’bixra ta’ bniedem kien ir-raġel li ġie jilqagħkom u qalilkom dan il-kliem?”

8 U huma wieġbu: “Kien raġel liebes mantar tax-xagħar, u mħażżem bi ħżiem tal-ġild ma’ qaddu.” U hu qalilhom: “Elija, it-Tisbi!”

9 U bagħatlu fizzjal ta’ ħamsin bil-ħamsin raġel miegħu; u tala’ għalih, u hemm kien Elija bilqiegħda fuq il-quċċata tal-muntanja, u dak qallu: “Bniedem ta’ Alla, is-sultan qallek: ‘Inżel.’ ”

10 U Elija wieġeb lill-fizzjal tal-ħamsin u qallu: “Jekk jien bniedem ta’ Alla, ħa jinżel nar mis-sema, u jibla’ lilek u l-ħamsin tiegħek.” U niżel nar mis-sema u qered lilu u l-ħamsin tiegħu.

11 U s-sultan raġa’ bagħatlu fizzjal ieħor ta’ ħamsin, bil-ħamsin raġel tiegħu, u dan tala’ u qallu: “Bniedem ta’ Alla, dan jgħid is-sultan: ‘Fittex inżel minn fuq il-muntanja.’ ”

12 U Elija wieġeb u qallu: “Jekk jien bniedem ta’ Alla, ħa jinżel nar mis-sema, u jibla’ lilek u l-ħamsin tiegħek.” U niżel in-nar ta’ Alla mis-sema, u qered lilu u l-ħamsin tiegħu.

13 U raġa’ bagħatlu t-tielet fizzjal ta’ ħamsin bil-ħamsin tiegħu. U t-tielet fizzjal tala’, u malli wasal niżel għarkupptejh quddiem Elija, u talbu bil-ħniena u qallu:

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

"Bniedem ta' Alla, ħa tkun għażiża f'għajnejk ħajti u ħajjet dawn il-qaddejja tiegħek.

14Ara, niżel nar mis-sema u qered iż-żewġ fizzjali tal-ħamsin li ġew qabli u l-ħamsinijiet tagħhom, imma issa ħa tkun għażiża ħajti f'għajnejk."

15U l-anġlu tal-Mulej kellem lil Elija: "Inżel miegħu, tibżax minnu." U qam u niżel miegħu għal għand is-sultan.

16U Elija qallu: "Dan jgħid il-Mulej: Int bgħatt messaġġiera jistaqsu lil Bagħal-żebub, alla ta' Għekron, bħallikieku ma kienx hemm Alla f'Iżrael biex tistaqsuh kelmtu; għalhekk il-mitraħ li nxħett fuqu ma tinżilx minnu, għax se tmut żgur."

17U Aħażija miet skont il-kelma tal-Mulej li qal Elija, u beda jsaltan floku ħuh Ġeħoram, fit-tieni sena ta' Ġeħoram bin Ġosafat, sultan ta' Ġuda, għax ma kellux ulied.

18U l-bqija tal-ġrajja ta' Aħażija u kulma għamel huma miktuba fi Ktieb il-Ġrajja tas-Slaten ta' Iżrael.

## 2 Slaten 2

### Elija mtella' s-sema

1Ġara li meta l-Mulej kien se jtalla' s-sema lil Elija ġor-riefnu, Elija kien telaq ma' Eliżew minn Gilgal.

2U Elija qal lil Eliżew: "Oqgħod hawn, għax il-Mulej bagħatni sa Betel." Imma Eliżew wieġbu: "Daqs kemm hu ħaj il-Mulej u daqs kemm int ħaj int, ma nħallikx." U niżlu t-tnejn Betel.

3U wlied il-profeti, li kienu f'Betel, ħarġu jilqgħu lil Eliżew u qalulu: "Taf int li llum il-Mulej se jieħu lil sidek minn miegħek?" U hu qalilhom: "Naf jien ukoll. Oqogħdu bi kwietkom."

4U Elija qallu: "Eliżew, oqgħod hawn, nitolbok, għax il-Mulej bagħatni Ġeriko." U wieġbu: "Daqs kemm hu ħaj il-Mulej, u daqs kemm int ħaj int, ma nħallikx." U marru Ġeriko.

5U wlied il-profeti li kienu f'Ġeriko ħarġu jilqgħu lil Eliżew u qalulu: "Taf int li llum il-Mulej se jeħodlok lil sidek minn miegħek." U weġibhom: "Naf jien ukoll. Oqogħdu bi kwietkom."

6U Elija qallu: "Oqgħod hawn, nitolbok, għax il-Mulej bagħatni lejn il-Ġordan." U wieġbu: "Daqs kemm hu ħaj il-Mulej u daqs kemm int ħaj int, ma nħallikx." U telqu t-tnejn.

7U ħamsin wieħed minn ulied il-profeti telqu magħhom, u qagħdu ftit 'il bogħod minn quddiemhom, u huma t-tnejn waqfu ħdejn il-Ġordan.


© 2020 Malta Bible Society.

8U Elija qabad il-mantar tiegħu, kebbu, u ħabbtu mal-ilma; u dan inferaq 'l hemm
u 'l hawn. U qasmu huma t-tnejn fl-inxif.

9U ġara li huma u jaqsmu, Elija qal lil Eliżew: "Itlobni x'għandi nagħmillek qabel
ma nittieħed minn ħdejk." U Eliżew wieġbu: "Ha jkun hemm fija żewġ ishma mill-
ispirtu tiegħek!"

10U qallu: "Haġa iebsa tlabtni. Jekk tarani nittieħed minn ħdejk, ikunlek hekk;
jekk le, ma jkunlekx."

11U ġara li huma u sejrin, jimxu u jitkellmu, f'daqqa waħda karru tan-nar bi
żwiemel tan-nar firidhom minn xulxin, u Elija tala' s-sema fir-riefnu.

12Eliżew baqa' jħares u jgħajjat: "Missieri, Missieri, il-karru ta' Iżrael u r-rikkieb
tiegħu." U ma rahx iżjed; u qabad fi ħwejġu u ċarrathom f'biċċtejn.

13Imbagħad ġabar il-mantar ta' Elija li kien waqa' minn fuqu, u raġa' lura u waqaf
max-xatt tal-Ġordan.

14U ħa l-mantar ta' Elija li kien waqa' minn fuqu u ħabbtu mal-ilma, u qal: "Fejn
hu l-Mulej Alla ta' Elija issa? Fejn hu?" U ta daqqa fuq l-ilma, u dan inferaq, 'l
hawn u 'l hemm, u Eliżew għadda għan-naħa l-oħra.

## L-ewwel mirakli ta' Eliżew

15Kif rawh ulied il-profeti, li kienu Ġeriko n-naħa l-oħra, qalu: "L-ispirtu ta' Elija
strieħ fuq Eliżew." U marru jilqgħuh, u niżlu wiċċhom fl-art quddiemu,

16u qalulu: "Ara, hawn mal-qaddejja tiegħek ħamsin raġel b'saħħtu, ħa jmorru
jfittxu lil sidek, għandu mnejn l-ispirtu ta' Alla ħadu u xeħtu fuq xi waħda mill-
muntanji, jew f'xi wieħed mill-widien." U hu weġibhom: "Le, tibagħtuhomx!"

17U baqgħu jsusu warajh sa tħawwad, u qalilhom: "Ibagħtuhom." U bagħtu
ħamsin raġel ifittxuh; u damu tlitt ijiem, u ma sabuhx.

18U reġgħu lura għandu; hu kien Ġeriko u qalilhom: "Ma għedtilkomx: la
tmorrux?"

19U n-nies tal-belt qalu lil Eliżew: "Ara, il-post tal-belt hu tajjeb, kif jista' jara sidi,
imma l-ilma ħażin, u l-art ħawlija."

20U hu qalilhom: "Ġibuli bieqja ġdida, u ixħtu ftit melħ fiha." U ġabuhielu.

21U ħareġ lejn l-għajn tal-ilma, u xeħet fiha l-melħ, u qal: "Dan jgħid il-Mulej: 'Jien
intejjeb dan l-ilma. Minn issa 'l quddiem ma jkunx hemm la mewt u la ħwiel tal-
art."

22U l-ilma baqa' tajjeb sal-lum, skont il-kelma li qal Eliżew.

23U minn hemm tala' Betel, u kif kien tiela' fit-triq ħarġu xi tfal żgħar mill-belt u
bdew jiddieħku bih u jgħidulu: "Itla', ja qargħi! Itla', ja qargħi!"

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

24 U hu dar lura, ħares lejhom, u seħithom f’isem il-Mulej. U ħarġu żewġ orsijiet mill-foresta u żbranaw tnejn u erbgħin tifel minnhom.

25 Minn hemm Eliżew wasal sal-muntanja tal-Karmel mnejn raġa’ lura s-Samarija.

## 2 Slaten 3

### Ġoram sultan ta’ Iżrael

1 Ġoram bin Aħab beda jsaltan fuq Iżrael f’Samarija fis-sena tmintax ta’ Ġosafat, sultan ta’ Ġuda; u baqa’ jsaltan tnax-il sena.

2 U għamel il-ħażin f’għajnejn il-Mulej, imma mhux daqs missieru u ommu, għax hu qered il-plier ta’ Bagħal, li kien waqqaf missieru.

3 Imma baqa’ marbut mad-dnubiet ta’ Ġerobogħam bin Nebat, li fihom kien waqqa’ lil Iżrael; baqa’ ma warrabx minnhom.

4 U Mesa, sultan ta’ Mowab, kien irabbi l-bhejjem; u kien iħallas lis-sultan ta’ Iżrael it-tribut ta’ mitt elf ħaruf u s-suf ta’ mitt elf muntun.

5 U ġara li meta miet Aħab, is-sultan ta’ Mowab kisirha mas-sultan ta’ Iżrael.

6 Għalhekk dakinhar is-sultan Ġoram ħareġ mis-Samarija, u għadd lil Iżrael kollu.

7 U qabad u bagħat jgħid lil Ġosafat, sultan ta’ Ġuda, u qallu: “Is-sultan ta’ Mowab kisirha miegħi: tiġi miegħi u naħbtu għal Mowab?” U dak wieġbu: “Nitla’! Ikun minni li jkun minnek, mill-poplu tiegħi li jkun mill-poplu tiegħek, miż-żwiemel tiegħi li jkun miż-żwiemel tiegħek.”

8 U staqsieh: “Minn liema triq nitilgħu?” U wieġbu: “Mit-triq tad-deżert ta’ Edom.”

9 U telqu s-sultan ta’ Iżrael u s-sultan ta’ Ġuda u s-sultan ta’ Edom. Wara li kienu ilhom miexja sebat ijiem, naqashom l-ilma għall-eżerċtu u l-bhejjem li kellhom magħhom.

10 U s-sultan ta’ Iżrael qal: “Jaħasra għalina! Jaqaw il-Mulej sejjaħ lil dawn it-tliet slaten biex jerħihom f’idejn Mowab?”

11 U Ġosafat qallu: “Ma hawnx xi profeta tal-Mulej hawnhekk, biex nistħarrġu lill-Mulej permezz tiegħu?” U wieħed mill-qaddejja tas-sultan ta’ Iżrael wieġeb u qal: “Hawn il-profeta Eliżew bin Safat, li kien isawwab l-ilma fuq idejn Elija.”

12 U Ġosafat qal: “Għandu l-kelma tal-Mulej.” U niżlu għandu s-sultan ta’ Iżrael, Ġosafat, u s-sultan ta’ Edom.

13 U Eliżew qal lis-sultan ta’ Iżrael: “X’għandna x’naqsmu bejnietna, jien u int? Mur għand il-profeti ta’ missierek, u l-profeti ta’ ommok.” U s-sultan ta’ Iżrael

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

qallu: "Le! Għala l-Mulej sejjaħ lil dawn it-tliet slaten? Biex jerħihom f'idejn Mowab?"

14U Eliżew wieġeb: "Daqs kemm hu ħaj il-Mulej tal-eżerċti li jien qiegħed naqdi, li ma kontx nirrispetta lil Ġosafat, sultan ta' Ġuda, ma kontx nagħti kasek, u lanqas biss inħares lejk.

15U issa ġibuli min idoqq l-arpa." Kif kien id-daqqaq idoqq l-arpa, ġara li niżlet id il-Mulej fuq Eliżew.

16U dan qal: "Dan jgħid il-Mulej: 'Agħmel f'dan il-wied ġwiebi fuq ġwiebi.'

17Għax dan jgħid il-Mulej: 'Ma tarawx riħ, u ma tarawx xita; imma dan il-wied ifur bl-ilma, u tixorbu intom, l-imrieħel u l-bhejjem tagħkom.'

18Iżda din ħaġa żgħira f'għajnejn il-Mulej; għad jerħi f'idejkom lil Mowab.

19U intom iġġarrfu l-bliet kollha bis-swar, u l-aħjar bliet, u tqaċċtu s-siġar kollha tal-frott, u ssoddu l-għejun kollha, u tħassru bil-ġebel ir-raba' tajjeb kollu."

20U filgħodu, f'ħin l-offerta tas-sagrifiċċju, beda ġej l-ilma mit-triq ta' Edom, u l-art imtliet kollha bl-ilma.

21U l-Mowabin ilkoll semgħu li s-slaten telgħu jaħbtu għalihom, u nġemgħu bin-nies kollha kapaċi jitħażżmu, u oħrajn magħhom, u marru qagħdu jistennewhom fuq il-fruntiera.

22U bakkru kmieni, u malli x-xemx bdiet tiddi fuq l-ilma, il-Mowabin raw quddiemhom l-ilma aħmar bħad-demm.

23U qalu: "Dan demm! Żgur li s-slaten tlewmu bejniethom, u tqatlu, u darbu lil xulxin; mela issa għall-priża, Mowabin!"

24U rħewlha lejn il-kamp ta' Iżrael; u dawn ħarbu minn quddiemhom. U l-Iżraelin baqgħu sejrin jidorbu lill-Mowabin.

25Ġarrfu l-ibliet, u fuq kull biċċa raba' tajba waddbu l-ħaġar, kull wieħed waħda, sa ma mlewhom, u saddew l-għejun kollha tal-ilma, u qaċċtu kull siġra tal-frott. Kien baqa' biss il-ħitan tal-ġebel ta' Kirħarexet; u dawruha l-arċieri, u ħabtu għaliha.

26Meta s-sultan ta' Mowab ra li ma kienx jiflaħ għat-taqbida, ħa miegħu seba' mitt raġel bix-xabla f'idejhom biex jiftaħ triq għal quddiem is-sultan ta' Edom, imma ma rnexxilhomx.

27U qabad lil ibnu l-kbir, li kellu jsaltan floku, u offrieh sagrifiċċju tal-ħruq fuq is-sur; u xegħlet qilla kbira għal Iżrael; u dawn tbiegħdu minnu u reġgħu lura lejn arthom.

## 2 Slaten 4


© 2020 Malta Bible Society.

### Mirakli oħra ta' Eliżew: iż-żejt tal-armla

1Waħda mara min-nisa tal-profeti sejħet lil Eliżew u qaltlu: "Il-qaddej tiegħek żewġi miet, u inti taf li l-qaddej tiegħek kien jibża' mill-Mulej. Issa dak li kien silfu ġie biex jeħodli ż-żewġ uliedi bi lsiera tiegħu."

2U Eliżew qalilha: "X'nista' nagħmillek? Għidli, x'għandek id-dar?" U hi wieġbet: "Ma għandha xejn il-qaddejja tiegħek id-dar ħlief kus żejt."

3U hu qalilha: "Mur barra, u itlob kwies mingħand il-ġirien, kwies vojta, u ġġibx ftit.

4U mbagħad idħol id-dar, sakkar il-bieb warajk u wara wliedek, u sawwab iż-żejt f'dawk il-kwies kollha, u kull wieħed li jimtela warrbu."

5U telqet minn ħdejh, u sakkret il-bieb warajha u wara wliedha; huma bdew inewlulha u hi tferra'.

6U ġara li malli mliet il-kwies qalet lil binha: "Newwilli kus ieħor." U hu weġibha: "Ma fadalx aktar kwies." U ż-żejt waqaf.

7Imbagħad marret tgħarraf lill-bniedem ta' Alla, u hu qalilha: "Mur, bigħ iż-żejt, u ħallas dejnek; u int u wliedek tgħixu mill-bqija."

### Il-qawmien ta' bin is-Sunamija

8Ġurnata waħda Eliżew kien għaddej minn Sunem. Hawn kienet toqgħod mara għanja, u din ġagħlitu joqgħod jiekol għandha; u kull meta kien jgħaddi minn hemm kien idur għal għandha biex jiekol hemm.

9U hi qalet lil żewġha: "Ara, jien żgura li dan ir-raġel, li jgħaddi għandna sikwit, hu raġel qaddis ta' Alla.

10Ha ntellgħulu għorfa fuq is-setaħ, u nqegħdulu fiha sodda, mejda, siġġu u mnara, u meta jgħaddi għandna, jkun jista' jidħol fiha."

11U ġurnata waħda wasal hemm, u daħal fl-għorfa, u raqad hemm.

12U Eliżew qal lil Geħażi, il-qaddej tiegħu: "Sejjaħ lil din is-Sunamija." U hu sejħilha, u ġiet quddiemu.

13U Eliżew qallu: "Għidilha: 'Ara, int għamilt magħna dan kollu; issa x'nista' nagħmillek? Forsi nkellimlek lis-sultan, jew lill-kap tal-eżerċtu?" U hi wieġbet: "Jien ngħammar ma' niesi."

14U Eliżew qal: "X'nistgħu nagħmlulha?" U Geħażi wieġbu: "Jaħasra, ma għandhiex tfal, u żewġha xiħ!"

15U wieġbu: "Sejħilha." U dak sejħilha u ġiet fil-bieb.

16U Eliżew qalilha: "Bħal dan iż-żmien sena, int tkun tħaddan iben." U hi qaltlu: "Le, sidi, bniedem ta' Alla, la tqarraqx bil-qaddejja tiegħek."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

17U l-mara tqalet, u wildet iben bħal dak iż-żmien sena, kif kien qalilha Eliżew.

18U t-tifel kiber, u ġurnata waħda ħareġ ħdejn missieru, li kien ħdejn il-ħassada.

19U qal lil missieru: "Ajma rasi! Ajma rasi!" Il-missier qal lill-qaddej: "Hudu
għand ommu."

20Dak ħadu, u wasslu għand ommu, u t-tifel baqa' f'ħoġorha sa nofsinhar, u
mbagħad miet.

21Hi telgħet tmiddu fuq il-friex tal-bniedem ta' Alla, għalqet warajha, u ħarġet.

22U sejħet lil żewġha u qaltlu: "Ibgħatli wieħed mill-qaddejja, u waħda mill-ħmir,
ħa mmur niġri sa għand il-bniedem ta' Alla, u nerġa' lura."

23U hu qalilha: "Għalfejn sejra għandu? Illum la hu l-ewwel tax-xahar u lanqas is-
Sibt!" U qaltlu: "Ma jimpurtax."

24U xiddet il-ħmara, u qalet lill-qaddej tagħha: "Suq u imxi, u twaqqaflix fit-triq,
jekk ma ngħidlikx."

25U telqet, u waslet għand il-bniedem ta' Alla fuq il-muntanja tal-Karmel. U ġara
li malli l-bniedem ta' Alla raha mill-bogħod qal lil Geħażi, il-qaddej tiegħu: "Ara
dik is-Sunamija.

26Mur iġri u ltaqa' magħha u staqsiha: Intix tajba? Hux tajjeb żewġek? Hux tajjeb
ibnek?" U hi wieġbet: "Kollox sewwa."

27U xħin waslet ħdejn il-bniedem ta' Alla fuq il-muntanja, qabdet ma' riġlejh. U
Geħażi resaq biex iwarrabha, iżda l-bniedem ta' Alla qallu: "Halliha għax qalbha
kollha mrar, u l-Mulej ħbieli, u ma għarrafnix fuqiex."

28U hi qaltlu: "Qatt jien tlabt iben mingħand sidi? Ma għedtlikx, la tqarraqx bija?"

29U hu qal lil Geħażi: "Ħażżem ġenbejk, ħu l-bastun tiegħi f'idek u itlaq. Jekk
tiltaqa' ma' xi ħadd, issellimlux; u jekk isellimlek xi ħadd, tweġbux. U qiegħed il-
bastun tiegħi fuq wiċċ it-tifel."

30U omm it-tifel qaltlu: "Daqs kemm hu ħaj il-Mulej, u ħaj int, jien ma nitilqekx."
U qabad u mar warajha.

31Geħażi telaq qabilhom u qiegħed il-bastun fuq wiċċ it-tifel, imma ma ġara xejn;
ebda leħen, u ebda sinjal. U raġa' lura jiltaqa' ma' Eliżew, u resaq quddiemu u
qallu: "It-tifel ma stenbaħx!"

32Imbagħad daħal Eliżew, il-profeta, u ara, it-tifel kien mimdud mejjet fuq friexu.

33Daħal, għalaq il-bieb warajhom it-tnejn, u beda jitlob lill-Mulej.

34Imbagħad tala', u mtedd fuq it-tifel, qiegħed fommu fuq fommu, għajnejh fuq
għajnejh, u idejh fuq idejh, u, kif kien mixħut fuqu, ġisem it-tifel beda jisħon.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

35Eliżew raġa' qabad jimxi 'l hawn u 'l hemm mad-dar, u għal darba oħra mar u
mtedd fuq it-tifel; u dan għatas seba' darbiet, u bexxaq għajnejh.

36Eliżew imbagħad sejjaħ lil Geħażi, u qallu: "Sejħilha 'l din is-Sunamija."
Sejħilha, u daħlet ħdejh. "Hudu lil ibnek," qalilha.

37Hi resqet u nxteħtet f'riġlejh wiċċha fl-art, imbagħad qabdet lil binha u ħarġet
'il barra.

### L-ikel avvelenat

38U Eliżew raġa' lura lejn Gilgal, u kien hemm il-ġuħ fil-pajjiż. U kif kienu wlied
il-profeti bilqiegħda quddiemu, Eliżew qal lill-qaddej tiegħu: "Qiegħed il-borma
l-kbira fuq in-nar, u sajjar l-ikel għal ulied il-profeti."

39U ħareġ wieħed mir-raba' jlaqqat xi ħaxixa, u sab bħal dielja selvaġġa, u laqqat
minnha ħjar selvaġġ. U mela l-mantar tiegħu. U mar u qattagħhom fil-borma tat-
tisjir, għax ma kinux jafu x'inhuma.

40U mbagħad qassmu l-ikel lin-nies biex jieklu, u malli bdew jieklu mit-tisjir
infexxew jgħajtu u jgħidu: "Hawn il-mewt fil-borma, bniedem ta' Alla." U ma
setgħux jieklu.

41Eliżew qalilhom: "Ġibuli ftit dqiq." U xeħet minnu fil-borma, u qalilhom:
"Qassmu lin-nies biex jieklu." U ma kien hemm xejn aktar ħażin fl-ikel.

### Eliżew ikattar il-ħobż

42U ġie għand Eliżew raġel minn Bagħal-salisa, u ġieb lir-raġel ta' Alla ħobż tal-
bikri: għoxrin ħobża tax-xgħir, u sbul mimli qamħ ġdid. Eliżew qallu: "Agħtihom
lin-nies ħa jieklu."

43Imma l-qaddej tiegħu wieġeb: "Kif nista' nqassam dawn lil mitt ruħ?" Raġa'
qallu Eliżew: "Agħti lin-nies ħa jieklu; għax dan jgħid il-Mulej: 'Mhux biss jieklu,
imma jifdal ukoll.' "

44Dak qassmilhom; u huma kielu, u kien għad fadal minnhom, bħalma qal il-
Mulej.

## 2 Slaten 5

### Nagħman u Eliżew

1Nagħman, il-kmandant tal-eżerċtu tas-sultan ta' Aram, kien kbir quddiem sidu,
u dan kien iġibu ħafna, għax bih il-Mulej kien ta r-rebħa lil Aram. Iżda r-raġel,
għad li suldat qalbieni, kien lebbruż.

2Harġu l-Aramin bil-ġgajtiet tagħhom, u mill-pajjiż ta' Iżrael ġiebu magħhom
tfajla żagħżugħa, li saret il-qaddejja ta' mart Nagħman.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

3Darba qalet lil sidtha: "Mhux li kien sidi quddiem il-profeta li hemm f'Samarija!
Għax kien ineħħilu l-lebbra li għandu!"

4Nagħman daħal ikellem lil sidu u qallu: "Dan u dan ma qalet iż-żagħżugħa li
ġibna mill-pajjiż ta' Iżrael."

5U s-sultan ta' Aram qallu: "Aqbad u mur. Issa nibgħat ittra lis-sultan ta' Iżrael."
U mar, u ħa miegħu għaxar talenti tal-fidda, sitt elef xekel tad-deheb, u għaxar
tibdiliet ħwejjeġ.

6U lis-sultan ta' Iżrael wassallu l-ittra, li kienet tgħid hekk: "Kif tasallek din l-
ittra, ara, inkun bgħattlek il-qaddej tiegħi Nagħman, biex tneħħilu l-lebbra li
għandu."

7Malli qara l-ittra s-sultan ta' Iżrael ċarrat ilbiesu u qal: "Mela jien xi alla, nagħti
l-mewt u nagħti l-ħajja, biex dan bagħatli bniedem ħa nneħħilu il-lebbra minn
fuqu? Mela kunu afu u araw, li dan tassew qiegħed ifittex li jaqbad miegħi!"

8Issa ġara li Eliżew, il-bniedem ta' Alla, sama' li s-sultan ta' Iżrael kien ċarrat
ħwejġu minn fuqu; u għalhekk bagħat jgħidlu: "Dan għaliex ċarratt ħwejġek
minn fuqek? Ha jiġi għandi, u jkun jaf li hemm profeta f'Iżrael."

9U mar Nagħman, biż-żwiemel u l-karrijiet tiegħu, u waqaf quddiem il-bieb tad-
dar ta' Eliżew.

10U Eliżew bagħatlu messaġġier jgħidlu: "Mur inħasel seba' darbiet fil-Ġordan, u
ġismek jerġa' jindaflek."

11Nagħman iżda saħan u telaq. "Ara," qal, "jien għedt bejni u bejn ruħi, li hu kien
se jaqbad u joħroġ, jieqaf quddiemi, u jsejjaħ isem il-Mulej, Alla tiegħu, u jxejjer
idu fuq il-ġrieħi, u jneħħili l-lebbra!

12Jaqaw Abana u Farfar, ix-xmajjar ta' Damasku, mhumiex aħjar mill-ilmijiet
kollha ta' Iżrael? Ma nistax ninħasel fihom u nindaf?" U dar u telaq b'saħna.

13Imma l-qaddejja tiegħu resqu jkellmuh u qalulu: "Missier, li kieku l-profeta
qallek xi ħaġa kbira ma kontx tagħmilha? Mela kemm iżjed meta qallek, 'Inħasel
u tindaf'?"

14Niżel fil-Ġordan, u għodos seba' darbiet, bħalma qallu Eliżew, il-bniedem ta'
Alla, u ġismu raġa' sarlu qisu l-ġisem ta' tfajjel żagħżugħ, u ndaf mil-lebbra
tiegħu.

15U raġa' lura għand il-bniedem ta' Alla, hu u kull min kellu miegħu; daħal, waqaf
quddiemu u qallu: "Ara, issa naf, iva, li ma hemmx Alla ieħor fid-dinja kollha,
ħlief f'Iżrael. Ilqa', nitolbok, dan ir-rigal mingħand il-qaddej tiegħek."

16U qallu Eliżew: "Daqs kemm hu ħaj il-Mulej li lilu naqdi, jien ma nieħu xejn." U
ma ħadhulux, għad li l-ieħor issikkah ħafna.


© 2020 Malta Bible Society.

[17]Għalhekk Nagħman qallu: "La ma tridx, nitolbok li tingħata lill-qaddej tiegħek tagħbija ta' żewġ bgħula ħamrija; għax il-qaddej tiegħek mhuwiex se jagħmel iżjed sagrifiċċji tal-ħruq u offerti lil allat oħra, jekk mhux lill-Mulej.

[18]Dan nixtiequ l-Mulej jaħfer lili, il-qaddej tiegħek; li meta sidi jidħol fit-tempju ta' Rimmon biex jadura hemmhekk, u hu jistrieħ fuq driegħi, u jien ukoll ninxteħet nadura fit-tempju ta' Rimmon, ħa jaħfer il-Mulej lili, qaddej tiegħu, f'din il-ħaġa."

[19]U Eliżew wieġbu: "Mur bis-sliem!" U telaq minn ħdejh u tbiegħed xi ftit.

[20]Imbagħad Geħażi, il-qaddej ta' Eliżew, il-bniedem ta' Alla, ħaseb u qal: "Ara, sidi ħafirhielu lil Nagħman, dan l-Arami, u ma ħadlu xejn minn idu milli ġieb miegħu. Daqs kemm hu ħaj il-Mulej, ħa mmur niġri warajh u niddobba xi ħaġa mingħandu."

[21]U Geħażi mar jiġri wara Nagħman. U malli Nagħman lemħu jiġri warajh, niżel mill-karru biex jilqgħu u staqsieh: "Kollox sewwa?"

[22]U hu wieġbu: "Kollox sewwa, Sidi bagħatni ngħidlek: 'Ara, għadhom kemm waslu għandi żewġ żgħażagħ mill-muntanji ta' Efrajm minn ulied il-profeti. Agħtihom, jekk jogħġbok, talent fidda u żewġ tibdiliet ħwejjeġ.

[23]U Nagħman qallu: "Isa, ħu żewġ talenti!" U ssikkah, u sarrlu żewġ talenti tal-fidda f'żewġ xkejjer, u żewġ tibdiliet ħwejjeġ. U bagħatlu żewġ qaddejja miegħu jġorrulu kollox qablu.

[24]Xħin wasal fuq l-għolja, ħa kollox minn idejhom, u daħal id-dar; u l-qaddejja bagħathom, u huma telqu.

[25]Imbagħad hu mar u ppreżenta ruħu quddiem sidu; u Eliżew qallu: "Mnejn ġej, Geħażi?" U wieġbu: "Imkien ma mar il-qaddej tiegħek, la 'l hawn u la 'l hemm."

[26]U Eliżew qallu: "Ma ġejtx miegħek bl-ispirtu tiegħi meta r-raġel niżel mill-karru tiegħu biex jiltaqa' miegħek? U dan kien il-waqt li tieħu l-fidda, u li tieħu l-ilbies, u oqsma taż-żebbuġ u tad-dwieli, u nagħaġ u baqar, u qaddejja rġiel u nisa?

[27]Għalhekk il-lebbra ta' Nagħman jaqbad miegħek u ma' nislek għal dejjem." U Geħażi ħareġ minn quddiemu abjad bħas-silġ bil-lebbra.

## 2 Slaten 6

### Il-ħadida f'wiċċ l-ilma

[1]Ulied il-profeti qalu lil Eliżew: "Ara, il-post li qegħdin fih miegħek żgħir wisq għalina.


© 2020 Malta Bible Society.

2Ħa mmorru sal-Ġordan, u nieħdu minn hemm zokk kull wieħed, u nibnu hemm post għalina fejn noqogħdu." U hu weġibhom: "Morru".

3U wieħed minnhom qallu: "Jekk jogħġbok, ejja mal-qaddejja tiegħek." U Eliżew wieġeb: "Niġi."

4U mar magħhom, u waslu sal-Ġordan, u bdew jaqtgħu l-injam.

5Ġara li wieħed minnhom, hu u jqaċċat siġra, waqagħlu l-ħadid tal-mannara fl-ilma, u beda jgħajjat u jgħid: "Ah, sidi, dik issellifitha!"

6U l-bniedem ta' Alla staqsieh: "Fejn waqgħet?" U wrieh il-post, Eliżew imbagħad qata' fergħa, u tefagħha hemm, u l-ħadid tala' fil-wiċċ.

7U qallu: "Erfgħu!" U medd idu u refgħu.

### Eliżew u l-Aramin

8Is-sultan ta' Aram kien qiegħed jitqabad ma' Iżrael, u ta parir lill-qaddejja tiegħu, u qalilhom: "Nistaħbew fit-tali u t-tali post."

9U l-bniedem ta' Alla bagħat jgħid lis-sultan ta' Iżrael: "Qis li ma tgħaddix minn dak il-post, għax hemm l-Aramin moħbija."

10U s-sultan ta' Iżrael bagħat jitkixxef il-post li qallu bih u widdbu l-bniedem ta' Alla; u qagħad jgħasses hemm mhux darba u tnejn.

11U s-sultan ta' Aram tħawwad f'qalbu għal din il-ħaġa, u sejjaħ lill-qaddejja tiegħu u qalilhom: "Ma tafux tgħiduli min minna hu mas-sultan ta' Iżrael, hux?"

12U wieħed mill-qaddejja wieġbu: "Hadd, Sultan sidi! Imma Eliżew, il-profeta li hemm f'Iżrael, jgħarraf lis-sultan ta' Iżrael bil-kliem li int tgħid fl-għorfa fejn torqod!"

13U qalilhom: "Morru u araw fejn hu, ħa nibgħat naqbdu." U għarrfuh u qalulu: "Qiegħed f'Dotan."

14U l-għada filgħodu bagħat żwiemel u karrijiet, u qatgħa kbira ta' nies armati; u waslu billejl u dawru l-belt.

15U l-qaddej tal-bniedem ta' Alla qam kmieni filgħodu u ħareġ barra, u ra eżerċtu sħiħ madwar il-belt, u żwiemel u karrijiet. U l-qaddej tiegħu qallu: "Ah! sidi, x'se nagħmlu?"

16U wieġbu: "La tibżax! hemm nies aktar magħna milli magħhom."

17U Eliżew beda jitlob u jgħid: "Mulej, iftaħlu għajnejh biex jara." U l-Mulej fetaħ għajnejn il-qaddej, u dan ra l-għolja mimlija żwiemel u karrijiet tan-nar madwar Eliżew.

18Malli l-Aramin resqu lejh, Eliżew talab lill-Mulej u qallu: "Iddew! Olqot lil dawn in-nies u agħmihom." U laqathom bl-għama skont it-talba ta' Eliżew.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

19U Eliżew qalilhom: “Mhix din it-triq, lanqas ma hi din il-belt. Ejjew warajja u neħodkom għand ir-raġel li qegħdin tfittxu.” U ħadhom f’Samarija.

20U ġara li malli waslu s-Samarija Eliżew qal lill-Mulej: “Iftħilhom għajnejhom ħalli jaraw.” U l-Mulej fetħilhom għajnejhom, u raw li kienu f’nofs is-Samarija.

21U malli rahom is-sultan ta’ Iżrael qal lil Eliżew: “Nidrobhom, missier, nidrobhom?”

22U hu wieġbu: “La tidrobhomx! Tidrob int lil dawk li ma qbadtx bix-xabla, jew bil-qaws tiegħek? Ġibilhom quddiemhom ħobż u ilma ħa jieklu u jixorbu, u jmorru għand sidhom.”

23U ħejjielhom ikla kbira, kielu u xorbu; u mbagħad bagħathom u marru għand sidhom. U l-qtajja’ tal-Aramin ma resqux iżjed lejn art Iżrael.

### Il-ħelsien tas-Samarija

24Wara dan ġara li Benħadad, sultan ta’ Aram, ġabar l-eżerċtu kollu tiegħu, u tala’ u dawwar lis-Samarija.

25U waqa’ ġuħ kbir fuq is-Samarija; u l-assedju tant dam li ras ta’ ħmar saret tiswa tmenin xekel tal-fidda, u r-raba’ waħda ta’ kâb ħmieġ tal-ħamiem ħames xwiekel tal-fidda.

26U s-sultan ta’ Iżrael kien għaddej fuq il-ħitan, u mara bdiet tgħajjatlu: “Għajnuna, sidi s-sultan!”

27U hu weġibha: “Jekk ma jgħinekx il-Mulej, biex nista’ ngħinek jien? Mill-qiegħa jew mill-magħsar?”

28U żied jistaqsieha s-sultan: “X’għandek int?” U l-mara qaltlu: “Din il-mara qaltli: ‘Agħtini lil ibnek, u nikluh illum; u lil ibni nikluh għada.’

29U sajjarna lil ibni, u kilnieh. U l-għada għedtilha: ‘Agħtini lil ibnek, u nikluh’, imma hi lil binha ħbietu.”

30Malli s-sultan sama’ kliem il-mara ċarrat ħwejġu kif kien fuq il-ħajt, u l-poplu kollu ra li kellu xkora minn ġewwa fuq il-laħam.

31U qalilhom: “Dan jagħmilli l-Mulej u iżjed, jekk illum ras Eliżew bin Safat tibqa’ fuqu.”

32U Eliżew kien qiegħed f’daru, u x-xjuħ kienu miegħu, u s-sultan bagħat raġel minn għandu. Imma qabel ma wasal għandu l-messaġġier, Eliżew qal lix-xjuħ: “Qegħdin taraw? Dan l-iben ta’ qattiel bagħat ineħħili rasi. Oqogħdu għassa! Malli jasal il-messaġġier agħlqu l-bieb u żommuh fil-bieb. M’intomx tisimgħu ħoss il-passi ta’ sidu warajh?”

33Kien għadu jkellimhom, u hemm hu s-sultan, nieżel ħdejh. U qallu: “Ara, din il-ħsara kollha mingħand il-Mulej. X’nistenna aktar mingħand il-Mulej?”

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

# 2 Slaten 7

1U Eliżew qallu: "Isimgħu l-kelma tal-Mulej: Hekk jgħid il-Mulej: 'Għada bħalissa fil-bieb tas-Samarija, sea smid tkun tiswa xekel, u sàtejn xgħir xekel.' "

2U l-ajjutant, li fuq driegħu kien imwieżen is-sultan, wieġeb lill-bniedem ta' Alla: "Tarax! Lanqas li kellu l-Mulej jiftaħ issa stess bwieb is-sema! Kif jista' jkun dan?" U Eliżew wieġbu, "Dan tarah b'għajnejk, imma minnu ma tikolx."

3Kien hemm erbgħa min-nies lebbrużi fid-daħla ta' bieb il-belt, u bdew jgħidu lil xulxin: "X'aħna nagħmlu hawn sa ma mmutu?

4Jekk ngħidu: 'Ha nidħlu fil-belt', hemm il-ġuħ u mmutu hemm; u jekk nibqgħu hawn, immutu l-istess; mela issa ħa mmorru, u nidħlu fil-kamp tal-Aramin. Jekk iħalluna ħajjin, ngħixu; jekk joqtluna, immutu."

5U qamu filgħaxija biex imorru fil-kamp tal-Aramin; imma malli waslu f'tarf il-kamp tal-Aramin; ma kien hemm ħadd.

6Il-biċċa kienet, li l-Mulej kien samma' lill-Aramin fil-kamp ħsejjes ta' karrijiet ta' żwiemel u ta' eżerċtu kbir, u huma bdew jgħidu lil xulxin: "Ara, is-sultan ta' Iżrael kera s-slaten tal-Hittin, u s-slaten tal-Eġizzjani biex jiġu jaħbtu għalina."

7U qamu u ħarbu filgħaxija, u ħallew it-tined tagħhom, u ż-żwiemel u l-ħmir tagħhom, u l-kamp kif kien, u ħarbu u ħasbu għal rashom.

8U dawk il-lebbrużi waslu f'tarf il-kamp, u daħlu f'waħda mit-tined; u kielu u xorbu; u ħadu minn hemm fidda u deheb u lbies, u marru ħbew kollox. Reġgħu lura u daħlu f'tinda oħra, u ħadu ħwejjeġ oħra, u marru ħbew kollox.

9Imbagħad qalu wieħed lill-ieħor: "Ma nagħmlux hekk! Dan il-jum hu jum ta' bxara tajba, u aħna bqajna sektin. Jekk nistennew sa ma jisbaħ filgħodu, ikollna ħtija. Mela issa ħa mmorru nagħtu l-aħbar lil dar is-sultan."

10U marru u sejħu lill-għases ta' bieb il-belt, u tawhom l-aħbar, u qalulhom: "Dħalna fil-kamp tal-Aramin, u ma kien hemm ħadd fih; lanqas ħoss ta' bniedem. Hemm biss żwiemel u ħmir marbutin, u tined kif kienu."

11U l-għassiesa tal-bieb bdew jgħajtu, u wasslu l-aħbar fil-palazz tas-sultan.

12U s-sultan qam billejl u qal lill-qaddejja tiegħu: "Ha ngħidilkom x'għamlulna l-Aramin. Jafu li aħna bil-ġuħ, u ħarġu mill-kamp biex jinħbew fir-raba', għax jgħidulek: 'Issa joħorġu mill-belt, u naqbduhom ħajjin, u nidħlu fil-belt.' "

13U wieħed mill-qaddejja qallu: "Nieħdu ħames żwiemel milli baqa' fil-belt - l-aktar jiġrilhom bħall-kotra ta' Iżrael, li għoddha ntemmet - u nibagħtu naraw."

14U ħadu żewġ karrijiet biż-żwiemel, u s-sultan bagħathom għal wara l-eżerċtu ta' Aram u qalilhom: "Morru araw."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[15]U baqgħu sejrin warajhom sal-Ġordan, u raw it-triq kollha miżgħuda b'ilbies u ħwejjeġ oħra, li ħallew warajhom l-Aramin bl-għaġla li kellhom. U l-messaġġiera reġgħu lura u għarrfu b'dan lis-sultan.

[16]U l-poplu ħareġ, u ħatfu kulma sabu fil-kamp tal-Aramin; u sea smid saret tiswa xekel, u sàtejn xgħir xekel, skont ma kien qal il-Mulej.

[17]Is-sultan kien qiegħed għassa fil-bieb lill-ajjutant tiegħu, li fuq driegħu kien jitwieżen; u l-poplu lil dan għaffġu fil-bieb, u miet, skont ma kien qal il-bniedem ta' Alla meta s-sultan kien niżel għandu.

[18]Għax meta l-bniedem ta' Alla kien kellem lis-sultan u qallu: 'Għada bħal issa fil-bieb ta' Samarija sea smid tkun tiswa xekel, u sàtejn xgħir xekel,'

[19]l-ajjutant wieġeb lill-bniedem ta' Alla u qal: "Tarax! Lanqas li kellu l-Mulej jiftaħ issa stess bwieb is-sema! Kif jista' jkun dan?"

[20]U hekk ġralu; u l-poplu għaffġu fil-bieb, u miet.

## 2 Slaten 8

### Eliżew u s-Sunamija

[1]U Eliżew kellem lill-mara li kien qajmilha lil binha mill-mewt, u qalilha: "Qum u mur int u darek, u għammar fejn issib, għax il-Mulej sejjaħ il-ġuħ li dalwaqt jaqa' fuq l-art għal seba' snin."

[2]U l-mara qamet u għamlet kif qalilha l-bniedem ta' Alla, u marret, hi u darha, tgħammar fl-art tal-Filistin għal seba' snin.

[3]U ġara li kif intemmu s-seba' snin il-mara reġgħet lura mill-art tal-Filistin, u marret titlob lura lis-sultan darha u r-raba' tagħha.

[4]U s-sultan kellem lil Geħażi, il-qaddej tal-bniedem ta' Alla, u qallu: "Irrakkuntali l-ħwejjeġ kbar kollha li għamel Eliżew."

[5]U kif kien qiegħed jirrakkonta lis-sultan kif kien qajjem wieħed mejjet, tasal il-mara li kien qajmilha lil binha, biex titlob lura lis-sultan darha u r-raba' tagħha. U Geħażi qallu: "Sultan sidi: Din hi l-mara, u dan hu binha, li qajmilha Eliżew mill-mewt."

[6]U s-sultan staqsa lill-mara, u hi qaltlu kollox; u mbagħad bagħat magħha wieħed minn ta' madwaru u qallu: "Ħa jingħata lura lil din il-mara kulma kellha, u l-frott kollu tar-raba' tagħha minn dak in-nhar li ħalliet il-pajjiż sa llum."

### Eliżew u Ħażajel

[7]Eliżew mar Damasku. Benħadad, is-sultan ta' Aram, kien marid, u tawh l-aħbar, u qalulu: "Ġie l-bniedem ta' Alla sa hawn."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

8U s-sultan qal lil Ħażajel: "Hu f'idek rigali, u mur iltaqa' mal-bniedem ta' Alla, u
staqsi lill-Mulej permezz tiegħu biex jgħidli jekk iniex se nfiq minn din il-marda
tiegħi."

9U Ħażajel mar jiltaqa' miegħu, u ħa f'idu r-rigali, erbgħin ġemel mgħobbija bil-
ġid kollu ta' Damasku. U wasal u ppreżenta ruħu quddiemu u qallu: "Ibnek
Benħadad, sultan ta' Aram, bagħatni għandek nistaqsik: 'Infiq minn din il-marda
tiegħi?' "

10U Eliżew wieġbu: "Mur għidlu: 'Tfiq żgur.' Il-Mulej iżda wrieni li jmut żgur."

11U waħħal ħarstu fih u baqa' ċass sakemm beda jistħi, u l-bniedem ta' Alla nfexx
jibki.

12U Ħażajel staqsieh: "Għala qiegħed jibki sidi?" U dak wieġbu: "Għax sirt naf bil-
ħsara li għad tagħmel int lil ulied Iżrael; tagħti n-nar lill-fortizzi tagħhom;
toqtlilhom lil uliedhom il-kbar bix-xabla; tagħmlilhom tħin it-trabi tagħhom, u
taqsmilhom in-nisa tqal tagħhom."

13U Ħażajel wieġeb: "X'inhu dan il-kelb tal-qaddej tiegħek biex jagħmel ħaġa
kbira bħal din?" U Eliżew wieġbu: "Il-Mulej urieni li int għad tkun sultan ta'
Aram."

14U telaq minn ħdejn Eliżew, u wasal għand sidu, u dan staqsieh: "X'qallek
Eliżew?" U wieġbu: "Qalli li int tgħix żgur."

15U ġara li l-għada qabad parkan, għaddsu fl-ilma, u firxu fuq wiċċ is-sultan, u
dan miet. U laħaq sultan floku Ħażajel.

### Ġeħoram sultan ta' Ġuda

16Fil-ħames sena ta' Ġoram bin Aħab, sultan ta' Iżrael, beda jsaltan Ġeħoram bin
Ġosafat, sultan ta' Ġuda.

17Kellu tnejn u tletin sena meta laħaq sultan, u saltan għal tmien snin
f'Ġerusalemm.

18Qabad l-istess triq tas-slaten ta' Iżrael bħalma kienu għamlu dawk tad-dar ta'
Aħab, għax kellu b'martu lil bint Aħab; u għamel il-ħażin f'għajnejn il-Mulej.

19Imma l-Mulej ma riedx jeqred lil Ġuda minħabba David, il-qaddej tiegħu, billi
kien wiegħdu li jħallilu xrara għal dejjem, lilu u lil uliedu.

20Fi żmienu l-Edumin qamu kontra l-ħakma ta' Ġuda, u għamlu sultan għalihom.

21Ġeħoram għadda għal Sagħir bil-karrijiet kollha miegħu; qam billejl u ħabat
għall-Edumin li kienu dawru lilu u l-fizzjal tal-karrijiet; imma l-eżerċtu ħarab
lejn it-tined tiegħu.

22Hekk Edom ħeles minn taħt idejn Ġuda sal-lum; imbagħad f'dak iż-żmien stess
ħelset Libna wkoll.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

23U l-bqija tal-ġrajja ta' Ġeħoram u kulma għamel jinsabu miktuba fi Ktieb il-
Ġrajja tas-Slaten ta' Ġuda.

24U Ġeħoram strieħ ma' missirijietu, u difnuh ma' missirijietu fil-belt ta' David.
Imbagħad beda jsaltan floku Aħażija ibnu.

### Aħażija sultan ta' Ġuda

25Fis-sena tnax ta' Ġoram bin Aħab, sultan ta' Iżrael, beda jsaltan Aħażija bin
Ġeħoram, sultan ta' Ġuda.

26Aħażija kellu tnejn u għoxrin sena meta laħaq sultan, u saltan sena
f'Ġerusalemm. Ommu kien jisimha Għatalija, mill-familja ta' Għomri, sultan ta'
Iżrael.

27U qabad it-triq ta' dar Aħab, u għamel il-ħażin f'għajnejn il-Mulej bħad-dar ta'
Aħab, għax kien miżżewweġ għand il-familja ta' Aħab.

28U mar ma' Ġoram bin Aħab, jitqabad ma' Ħażajel, sultan ta' Aram, f'Ramot-
gilgħad. U l-Aramin darbu lil Ġoram.

29Is-sultan Ġoram reġa' lura lejn Ġeżragħel biex jiddewwa mill-ġrieħi li
għamlulu l-Aramin f'Rama hu u jitqabad ma' Ħażajel, sultan ta' Aram. U Aħażija
bin Ġeħoram, sultan ta' Ġuda, niżel jara lil Ġoram bin Aħab, f'Ġeżragħel, għax
kien marid.

## 2 Slaten 9

### Ġeħu sultan ta' Iżrael

1Eliżew, il-profeta, sejjaħ lil wieħed minn ulied il-profeti u qallu: "Ħażżem
ġenbejk, u ħu dan il-kus żejt f'idek, u mur Ramot-gilgħad.

2Kif tasal hemm, ara tarax lil Ġeħu bin Ġosafat, bin Nimsi, u malli tidħol ħdejh
qajmu minn fost sħabu u daħħlu fil-kamra ta' ġewwa nett.

3Imbagħad aqbad il-kus taż-żejt, sawbu fuq rasu u għidlu: "Dan jgħid il-Mulej:
'Dliktek sultan fuq Iżrael.' " U iftaħ il-bieb, u aħrab; toqgħodx titnikker.

4U ż-żagħżugħ - kien hu wkoll bin profeta - mar Ramot-gilgħad.

5U wasal, u ra l-fizzjali tal-eżerċtu miġbura flimkien bilqiegħda, u qalilhom:
"Għandi messaġġ għalik, kmandant." U Ġeħu wieġbu: "Għal min minna?" U
wieġbu: "Għalik, kmandant."

6U qam u daħal id-dar, u sawwablu ż-żejt fuq rasu u qallu: "Dan jgħid il-Mulej,
Alla ta' Iżrael: 'Jien dliktek sultan fuq il-poplu tal-Mulej, fuq Iżrael.

7Int tidrob lil dar Aħab, sidek, u hekk nitħallas tad-demm tal-qaddejja tiegħi l-
profeti, u tad-demm tal-qaddejja kollha tal-Mulej minn id Ġeżabel.


© 2020 Malta Bible Society.

8Id-dar kollha ta’ Aħab tinqered u neqred lil kull raġel, sew jekk ikun ilsir sew
jekk ħieles, f’Iżrael.

9U nagħmel minn dar Aħab bħalma għamilt minn dar Ġerobogħam bin Nebat u
mid-dar ta’ Bagħsa bin Aħija.

10U lil Ġeżabel jikluha l-klieb fil-qasam ta’ Ġeżragħel, u ma jkun hemm ħadd biex
jidfinha.’ ” U fetaħ il-bieb u ħarab.

11U Ġeħu ħareġ għal ħdejn il-qaddejja ta’ sidu, u dawn qalulu: “Kollox sewwa?
Għalfejn ġie għalik dan il-miġnun?” U weġibhom: “Intom tafuh lil dak ir-raġel, u
t-tpaċpiċ tiegħu.”

12U huma weġbuh: “Mhux tassew! Għidilna!” U qalilhom: “Dan u dan qalli,” u
żied: “Hekk qal il-Mulej: ‘Dliktek sultan fuq Iżrael.’ ”

13Malajr malajr ħadu kull wieħed mantaru, u firxuh taħt riġlejh fuq it-taraġ għeri,
daqqew it-tromba u għajtu: “Ġeħu Sultan!”

14Ġeħu bin Ġosafat, bin Nimsi, beda jikkonfoffa kontra Ġoram; u Ġoram kien
jgħasses f’Ramot-gilgħad, hu u Iżrael kollu, minħabba Ħażajel, sultan ta’ Aram.

15U Ġoram, is-sultan, kien raġa’ mar Ġeżragħel jiddewwa mill-ġrieħi, li kienu
għamlulu l-Aramin, meta kien jitqabad ma’ Ħażajel, is-sultan ta’ Aram. U Ġeħu
qal: “Jekk intom taħsbuha hekk, ħadd minnkom ma għandu joħroġ mill-belt, u
jmur iħabbar dan f’Ġeżragħel.”

16U Ġeħu rikeb il-karru, u mar Ġeżragħel, għax Ġoram kien hemm mixħut fis-
sodda, u kien hemm ukoll Aħażija, sultan ta’ Ġuda, billi kien niżel biex iżur lil
Ġoram.

17L-għassies kien fuq it-torri ta’ Ġeżragħel, u lemaħ il-qatgħa ta’ Ġeħu riesqa, u
qal: “Qiegħed nara qatgħa nies.” U Ġoram qallu: “Aqbad rikkieb, u ibagħtu jiltaqa’
magħhom, u jistaqsihom hux kollox sewwa.”

18U r-rikkieb rikeb iż-żiemel, u mar jiltaqa’ miegħu, u qallu: “Dan jgħid is-sultan:
‘Kollox sewwa?’ ” U Ġeħu wieġeb: “X’għandek x’taqsam int jekk hux kollox
sewwa? Dur għal warajja.” U l-għassies ħabbar u qal: “Il-messaġġier wasal sa
ħdejhom, imma ma ġiex lura.”

19U Ġoram bagħat rikkieb ieħor fuq iż-żiemel, u dan wasal ħdejhom, u qal: “Dan
jgħid is-sultan: ‘Kollox sewwa?’ U Ġeħu wieġeb: “X’għandek x’taqsam int jekk
hux kollox sewwa? Dur għal warajja!”

20U l-għassies ħabbar u qal: “Wasal sa ħdejhom, imma ma ġiex lura. Is-sewqan
hu s-sewqan ta’ Ġeħu bin Nimsi, għax isuq bħal miġnun.”


© 2020 Malta Bible Society.

21Imbagħad Ġoram qalilhom: “Orbtu ż-żwiemel.” U rabtuhom mal-karru tiegħu.
U Ġoram, is-sultan ta’ Iżrael, ħareġ, hu u Aħażija, sultan ta’ Ġuda, kull wieħed fuq
il-karru tiegħu, jiltaqgħu ma’ Ġeħu, u sabuh fl-għalqa ta’ Nabot, il-Ġeżragħeli.

22U ġara li malli Ġoram ra lil Ġeħu qallu: “Sliem, Ġeħu?” U dak wieġbu: “Xi sliem,
sakemm idumu ż-żina ta’ ommok Ġeżabel u l-qabda sħarijiet tagħha?”

23U Ġoram dawwar il-karru biex jaħrab, u qal lil Aħażija: “Tradiment, Aħażija!”

24U Ġeħu qabad il-qaws f’idu, u darab lil Ġoram bejn spallejh, u l-vleġġa ħarġet
minn ġo qalbu, u miet fuq il-karru.

25U mbagħad Ġeħu qal lil Bidkar, l-ajjutant tiegħu: “Aqbduh u waddbuh f’xi naħa
tal-għalqa ta’ Nabot, il-Ġeżragħeli; għax għadni niftakar li darba, meta jien u int
konna rekbin wara Aħab missieru, il-Mulej xeħet fuqu din it-theddida:

26‘Ma rajtx jien ilbieraħ id-demm ta’ Nabot, u d-demm ta’ wliedu? Oraklu tal-
Mulej. Hekk inħallsek f’din l-istess għalqa, oraklu tal-Mulej.’ Mela issa aqbduh u
waddbuh fil-qasam skont il-kelma tal-Mulej.”

27U Aħażija, sultan ta’ Ġuda, malli ra dan kollu, ħarab mit-triq ta’ Bet-ħaggan,
imma Ġeħu għamel għal warajh, u ordna: “Idorbuh lilu wkoll fuq il-karru.” U
laqtuh fit-telgħa ta’ Gur, li taħbat qrib Iblagħam, u ħarab lejn Megiddu, u miet
hemmhekk.

28U l-qaddejja tiegħu għabbewh fuq karru, u ħaduh Ġerusalemm, u difnuh ma’
missirijietu f’qabru fil-belt ta’ David.

29Aħażija beda jsaltan fuq Ġuda fis-sena ħdax ta’ Ġoram bin Aħab.

30U Ġeħu ġie Ġeżragħel. Xħin Ġeżabel semgħet, żebgħet għajnejha bl-ikħal, u
żejnet rasha, u telgħet tittawwal mit-tieqa.

31U kif Ġeħu wasal fil-bieb qaltlu: “Kollox sewwa ma’ Żimri, il-qattiel ta’ sidu?”

32U hu rafa’ għajnejh lejn it-tieqa, u weġibha: “Min hawn miegħi? Min?” U tnejn
jew tliet uffiċjali ħarġu jittawlu;

33u hu qalilhom: “Waddbuha għal isfel!” U huma waddbuha għal isfel, u r-raxx
ta’ demmha ċappas il-ħajt u ż-żwiemel, li għaddew jgħaffġu minn fuqha.

34Imbagħad daħal il-belt, kiel u xorob, u qalilhom: “Morru araw lil dik il-misħuta,
u idfnuha, għax hi bint sultan.”

35U marru jidfnuha, imma ma sabu xejn minnha ħlief il-qorriegħa, riġlejha u
keffejn idejha.

36U reġgħu lura jgħarrfu lil Ġeħu, u qalilhom: “Din hi l-kelma tal-Mulej, li lissen
permezz tal-qaddej tiegħu Elija, it-Tisbi, meta qal: ‘Laħam Ġeżabel jikluh il-klieb
fl-għalqa ta’ Ġeżragħel.


© 2020 Malta Bible Society.

37U jkun bħad-demel f'wiċċ l-art fl-għalqa ta' Ġeżragħel, il-ġisem mejjet ta'
Ġeżabel, u ħadd ma jkun jista' jgħid: 'Din hi Ġeżabel.' "

## 2 Slaten 10

### Ġeħu u wlied Aħab

1Aħab kellu sebgħin tifel f'Samarija. U Ġeħu kiteb ittra u bagħatha s-Samarija lill-
kapijiet ta' Iżrael, lill-anzjani u lil dawk li kienu jrabbu t-tfal ta' Aħab, u qalilhom:

2"Malli tasal għandkom din l-ittra, intom, li għandkom ħsieb ulied sidkom u
għandkom f'idejkom il-karrijiet u ż-żwiemel u l-fortizzi u l-armi,

3araw min hu l-itjeb u l-aħjar fost ulied is-sultan għal fuq it-tron ta' missieru, u
tqabdu għal dar sidkom."

4Imma huma beżgħu ħafna, u qalu: "Ara, jekk żewġ slaten ma setgħux jiqfulu, kif
nistgħu niqfulu aħna?"

5U s-suprentendent tal-palazz, il-gvernatur tal-belt, l-anzjani u dawk li kienu
jieħdu ħsieb it-tfal bagħtu jgħidu lil Ġeħu: "Aħna l-qaddejja tiegħek, u kulma
tgħidilna nagħmluh. Ma aħna ser nagħmlu lil ħadd sultan. Agħmel dak li jidhirlek
li hu sewwa."

6U kitbilhom ittra oħra u qalilhom: "Jekk intom miegħi u lesti tisimgħu kliemi,
aqbdu rjus ulied sidkom, u għada, bħal issa, ejjew għandi f'Ġeżragħel." U wlied
is-sultan, li kienu jlaħħqu sebgħin ruħ, kienu mqassmin għand il-kbarat tal-belt
biex irabbuhom.

7U ġara li malli waslitilhom l-ittra għandhom qabdu lil ulied is-sultan, sebgħin
wieħed, u qatluhom, u qiegħdu rjushom fil-qfief, u bagħtuhom għand Ġeħu
f'Ġeżragħel.

8U marru jgħarrfu lis-sultan u jgħidulu: "Ġiebu rjus ulied is-sultan." U hu
weġibhom: "Qegħduhom żewġ gzuz fid-daħla tal-bieb sa filgħodu."

9Filgħodu, imbagħad, ħareġ u waqaf quddiem il-poplu kollu u qalilhom: "Intom
bla ħtija. Araw, jiena kkonfoffajt kontra sidi, u qtiltu. Imma dawn min qatilhom?

10Kunu afu mela li xejn ma jaqa' fl-art minn kliem il-Mulej, li tkellem dwar id-dar
ta' Aħab. Il-Mulej għamel dak kollu li tkellem permezz tal-qaddej tiegħu Elija."

11U Ġeħu qatel f'Ġeżragħel lil dawk kollha li kien fadal mid-dar ta' Aħab, u l-
kbarat tiegħu, il-ħbieb u l-qassisin tiegħu, sakemm ma ħallielu anqas wieħed.

12Imbagħad qam u mar is-Samarija. Hu u sejjer wasal f'Bet-għeqed tar-rgħajja.

13Ġeħu sab l-aħwa ta' Aħażija, is-sultan ta' Ġuda, u staqsiehom: "Min intom?" u
weġbuh: "Aħna ħut Aħażija, u nżilna biex naraw kif inhuma wlied is-sultan u
wlied is-sultana."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

14U hu qal: "Aqbduhom ħajjin." U qabduhom ħajjin u qatluhom ħdejn il-bir ta'
Bet-għeqed, tnejn u erbgħin raġel, u ma ħalla ebda wieħed minnhom.

### Ġeħu u r-Rekabiti

15U telaq minn hemm, u sab lil Ġeħonadab bin Rekab, li kien ġej jiltaqa' miegħu.
Sellimlu u qallu: "Qalbek sinċiera miegħi bħalma qalbi hi ma' qalbek?" U
Ġeħonadab wieġbu: "Hekk hi." U qallu: "Jekk inhu hekk, agħtini idek." U tah idu.
Imbagħad tellgħu ħdejh fuq il-karru.

16Imbagħad qallu: "Ejja miegħi, u tara l-ħeġġa tiegħi għall-Mulej." U rikkbu fuq
il-karru tiegħu.

17U wasal is-Samarija u qatel lil dawk kollha li kien għad fadal f'Samarija minn
dar Aħab, sa ma qeridha għalkollox, skont il-kelma tal-Mulej, li kien qal lil Elija.

18U Ġeħu laqqa' l-poplu kollu u qalilhom: "Aħab ftit weġġaħ lil Bagħal: Ġeħu
jweġġgħu ħafna aktar minnu.

19Mela issa sejħuli lill-profeti kollha ta' Bagħal, u d-devoti kollha tiegħu, u l-
qassisin kollha tiegħu - ma għandu jonqos ħadd - għax irrid noffri sagrifiċċju kbir
f'ġieħ Bagħal. Min jonqos, ma jibqax ħaj." U Ġeħu għamel dan bil-ħażen ta'
moħħu biex jeqred il-qaddejja ta' Bagħal.

20U Ġeħu qal: "Niedu laqgħa kbira f'ġieħ Bagħal." U niduha.

21U Ġeħu bagħat messaġġiera ma' Iżrael kollu, u ġew il-qaddejja kollha ta'
Bagħal, u ma kienx baqa' hemm wieħed li ma ġiex; u waslu fit-tempju ta' Bagħal,
u mlewh minn tarf sa tarf.

22U Ġeħu qal lis-suprentendent tal-ilbies: "Oħroġ l-ilbiesi għall-qaddejja kollha
ta' Bagħal." U ħarġilhom l-ilbies.

23U Ġeħu u Ġeħonadab bin Rekab ġew fit-tempju ta' Bagħal, u qalu lill-qaddejja
ta' Bagħal: "Fittxu u araw li ma jkunx hemm magħkom xi ħadd mill-qaddejja tal-
Mulej; qisu li jkun hemm biss il-qaddejja ta' Bagħal."

24U ġew biex joffru vittmi u sagrifiċċji tal-ħruq. Ġeħu ħalla tmenin raġel barra, u
qalilhom: "Min iħalli jaħrab lil xi ħadd minn dawk li jien se nħalli f'idejkom,
iħallas b'ħajtu."

25Ġara li, malli temm is-sagrifiċċju tal-ħruq, Ġeħu qal lill-gwardji u lill-fizzjali:
"Morru u oqtluhom. Tħallu lil ħadd jaħrab." U għaddewhom minn xifer ix-xabla.
Imbagħad il-gwardji u l-fizzjali ħarġuhom 'il barra, u huma daħlu fis-santwarju
tat-tempju ta' Bagħal.

26U ħarġu minn hemm ix-xbieha tal-Asera li kien hemm fit-tempju ta' Bagħal u
ħarquha.


© 2020 Malta Bible Society.

27Qerdu wkoll il-plier ta' Bagħal, u ħattew it-tempju ta' Bagħal, u għamlu floku latrina li għadha hemm sal-lum.

### Is-saltna ta' Ġeħu

28Ġeħu qered 'il Bagħal minn Iżrael.

29Iżda Ġeħu ma warrabx mid-dnubiet li Ġerobogħam bin Nebat ġiegħel lil Iżrael jagħmlu, jiġifieri, l-għoġol tad-deheb li kien hemm f'Betel u f'Dan.

30U l-Mulej qal lil Ġeħu: "Talli għamilt sewwa dak li jogħġobni, u għamilt lid-dar ta' Aħab kulma kelli f'qalbi, uliedek joqogħdu fuq it-tron ta' Iżrael sar-raba' ġenerazzjoni."

31Imma Ġeħu ma qiesx li jimxi b'qalbu kollha fuq il-liġi tal-Mulej, Alla ta' Iżrael; ma warrabx mid-dnubiet li Ġerobogħam ġagħal jagħmlu 'l-Iżraelin.

32F'dawk il-jiem il-Mulej beda jnaqqas mill-fruntieri ta' Iżrael, u Ħażajel beda jaħbat għal art Iżrael fil-medda kollha tagħha:

33in-naħa tal-Lvant tal-Ġordan, l-art kollha ta' Gilgħad, tal-Gadin, tar-Rubenin u tal-Manassin, minn Għarogħer, li taħbat ħdejn l-Arnon, sa Gilgħad u Basan.

34U l-bqija tal-ġrajja ta' Ġeħu u kulma għamel, u kulma wettaq, kollha jinsabu miktuba fi Ktieb il-Ġrajja tas-Slaten ta' Iżrael.

35U Ġeħu strieħ ma' missirijietu, u difnuh f'Samarija; u saltan floku Ġeħowaħaż, ibnu.

36U ż-żmien li fih saltan Ġeħu fuq Iżrael f'Samarija kien ta' tmienja u għoxrin sena.

## 2 Slaten 11

### Għatalija sultana fuq Ġuda

1Għatalija kienet omm Aħażija, u malli rat li miet binha, qabdet u qatlet in-nisel kollu tas-sultan.

2U Ġeħoseba, bint is-sultan Ġeħoram, u oħt Aħażija, ħadet lil Ġowas bin Aħażija - ħatfitu bil-moħbi, lilu u l-imreddgħa tiegħu, minn qalb ulied is-sultan, li kienu se joqtluhom fil-kamra tas-sodod - u ħbietu minn għajnejn Għatalija, u hekk ma qatluhx.

3U dam moħbi magħha f'dar il-Mulej sitt snin, filwaqt li Għatalija kienet issaltan fuq il-pajjiż.

4Fis-seba' sena Ġeħojada bagħat iġib il-kapijiet tal-mija tal-Karin u tal-gwardji tal-korp, u daħħalhom miegħu f'dar il-Mulej, u għamel patt magħhom, u ġagħalhom jaħilfu f'dar il-Mulej, u wriehom lil bin is-sultan.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

5 U tahom dawn l-ordnijiet u qalilhom: “Dan għandkom tagħmlu: terz minnkom li tidħlu s-Sibt għassu l-palazz,

6 u terz fil-bieb ta’ Sur, u terz fil-bieb tal-Gwardji; hekk tagħmlu l-għassa tal-palazz.

7 U żewġ diviżjonijiet li joħorġu s-Sibt jgħassu t-Tempju tal-Mulej madwar is-sultan.

8 Iddawru s-sultan dawramejt, kulħadd bl-armi f’idu, u kull min jipprova jaqsam il-fili tagħkom, oqtluh. Ibqgħu mas-sultan, imur fejn imur.”

9 Il-kapijiet tal-mija għamlu kulma kien ordnalhom Ġeħojada, il-qassis, u kull wieħed ħa n-nies tiegħu - sew dawk li kienu deħlin is-Sibt, kemm dawk li kienu ħerġin - u marru għand il-qassis Ġeħojada.

10 U dan ta lill-kapijiet tal-mija l-lanez u t-tarkiet tas-sultan David, li kien hemm f’dar il-Mulej.

11 U l-gwardji, kull wieħed bl-armi f’idu, qagħdu min-naħa tan-Nofsinhar tat-tempju san-naħa tat-Tramuntana, iħarsu lejn l-artal u t-tempju, madwar is-sultan.

12 Ġeħojada mbagħad ħareġ lil bin is-sultan u xeddlu l-kuruna, u tah l-insinja, u għamluh sultan; dilkuh, u bdew iċapċpu jdejhom u jgħajtu “Viva s-sultan!”

13 U Għatalija, malli semgħet l-għajjat tal-gwardji u tal-poplu, marret għal fuq il-poplu f’dar il-Mulej.

14 U ħarset, u hemm kien is-sultan wieqaf fuq tribuna skont id-drawwa, u l-kantanti u t-trumbetti maġenb is-sultan, u l-poplu kollu tal-pajjiż jifraħ u jdoqq it-trumbetti. Għatalija ċarrtet ħwejjiġha u bdiet tgħajjat: “Tradiment! Tradiment!”

15 U Ġeħojada l-qassis ordna lill-kapijiet tal-mija u l-kapijiet tal-mija tal-eżerċtu, u qalilhom: ‘Oħorġuha ’l barra mill-palazz bejn żewġ fillieri suldati, u kull min imur warajha, oqtluh bix-xabla.” Għax il-qassis kien qal: “Ma joqtluhiex fid-dar tal-Mulej.”

16 U meddew idejhom fuqha, u kif waslet fid-daħla taż-żwiemel għal ġewwa l-palazz tas-sultan, qatluha hemmhekk.

17 Ġeħojada għamel patt bejn il-Mulej u bejn is-sultan u bejn il-poplu li jkunu poplu tal-Mulej, u bejn is-sultan u l-poplu.

18 U l-poplu kollu tal-pajjiż daħal fit-tempju ta’ Bagħal, u ġarrfuh, u farrku l-artali u x-xbihat tiegħu għalkollox, u ’l Mattan, qassis ta’ Bagħal, qatluh quddiem l-artal. Ġeħojada, il-qassis, qiegħed għases mat-tempju tal-Mulej.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

19Imbagħad laqqa’ l-kapijiet tal-mija, il-Karin u l-gwardji u l-poplu kollu tal-pajjiż, u niżżlu lis-sultan mit-tempju tal-Mulej u daħlu fil-palazz mill-bieb tal-gwardji u s-sultan qagħad fuq it-tron irjali.

20Feraħ il-poplu kollu tal-pajjiż; u l-belt strieħet; u ’l Għatalija qatluha bix-xabla fil-palazz tas-sultan.

## 2 Slaten 12

### Ġeħowas sultan ta’ Ġuda

1Ġeħowas kellu seba’ snin meta sar sultan.

2Kienet is-seba’ sena ta’ Ġeħu meta beda jsaltan Ġeħowas, u dam erbgħin sena jsaltan f’Ġerusalemm; ommu kien jisimha Sibja, minn Birsaba.

3U Ġeħowas għamel is-sewwa f’għajnejn il-Mulej iż-żmien kollu li kien imexxih Ġeħojada, il-qassis.

4Biss is-santwarji ma warrabhomx, għax il-poplu baqa’ joffri s-sagrifiċċji u l-inċens fis-santwarji.

5U Ġeħowas qal lill-qassisin: “Il-fidda kollha kkonsagrata li jġibu fit-tempju tal-Mulej - il-fidda mit-taxxi personali, il-fidda tar-riskatt, u l-flus li wieħed kien iġib minn rajh f’dar il-Mulej -

6jeħduhom il-qassisin, kull wieħed mingħand min kien jafu, u jsewwu l-ħsara tat-tempju, kull fejn kien hemm xi konsentura.

7Imma ġara li sas-sena tlieta u għoxrin tas-sultan Ġeħowas, il-qassisin kienu għadhom ma sewwewx il-ħsara li kien hemm fit-tempju.

8U s-sultan Ġeħowas sejjaħ lil Ġeħojada, il-qassis, u l-qassisin l-oħra u qalilhom: “Għaliex ma sewwejtux il-ħsara li hemm fit-tempju? Minn issa ’l quddiem teħdux flus mingħand min tafuh, imma għadduh għat-tiswija tal-ħsara fit-tempju.”

9Il-qassisin aċċettaw li ma jeħdux aktar flus mingħand il-poplu, u li ma jsewwux huma l-ħsara tat-tempju.

10Imbagħad Ġeħojada, il-qassis, ħa senduq, taqqablu l-għatu u qiegħdu maġenb l-artal, fuq in-naħa tal-lemin int u dieħel fit-tempju tal-Mulej. U l-qassisin, li kienu jgħassu l-bieb, kienu jixħtu fih il-flus kollha li n-nies kienu jġibu fit-tempju tal-Mulej.

11Kull meta kienu jaraw li kien hemm biżżejjed flus fis-senduq, l-iskriba tas-sultan, u l-qassis il-kbir, kienu jiġu u jiġbruhom, u jgħoddu l-flus li kien hemm f’dar il-Mulej.

12Imbagħad kienu jgħaddu l-flus magħduda f’idejn l-imgħallmin li kienu jieħdu ħsieb ix-xogħol tat-tempju tal-Mulej; u dawn kienu jħallsu l-ħaddiema tal-injam,

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

13u l-bennejja li kienu jaħdmu f'dar il-Mulej, il-bennejja tal-ħitan u n-naġġara għax-xiri tal-injam u tal-ġebel għat-tiswija tal-ħsarat fil-ħitan u għall-ispejjeż għal tiswijiet oħra f'dar il-Mulej.

14Imma b'dawn il-flus li nġiebu f'dar il-Mulej, ma għamlux għal dar il-Mulej la lniebi tal-fidda, la mqassijiet, la bwieqi, la trombi, u ebda ħaġa oħra tad-deheb jew tal-fidda;

15kienu jagħtu kollox lill-ħaddiema biex bihom isewwu dar il-Mulej.

16Anqas ma kienu jitolbu l-kontijiet mingħand in-nies li kienu jerħulhom il-flus f'idejhom biex dawn jagħtuhom lill-ħaddiema, għaliex kienu jimxu bis-sewwa.

17Imma l-flus tas-sagrifiċċji tar-riparazzjoni u s-sagrifiċċji tal-purifikazzjoni, ma kinux imorru għat-tempju tal-Mulej, iżda għall-qassisin.

### Ħażajel jaħbat għal Ġerusalemm

18Ħażajel, sultan ta' Aram, tala' biex jaħbat għal Gatt, u rebaħha. Imbagħad għamel il-ħsieb li jitla' għal Ġerusalemm.

19Imma Ġeħowas, sultan ta' Ġuda, ħa l-offerti mqaddsa kollha li kienu kkonsagraw missirijietu Ġosafat, Ġeħoram u Aħażija, slaten ta' Ġuda, u kulma kien ikkonsagra hu stess, u d-deheb kollu li kien hemm fit-teżori tat-tempju tal-Mulej, u l-palazz tas-sultan, u bagħat kollox lil Ħażajel, sultan ta' Aram, u dan warrab minn Ġerusalemm.

20U l-bqija tal-ġrajja tas-sultan Ġeħowas, u ta' kulma għamel, kollha jinsabu miktuba fi Ktieb il-Ġrajja tas-Slaten ta' Ġuda.

21Il-qaddejja tiegħu qamu u għamlu konfoffa, u qatlu lil Ġowas fid-dar ta' Millu, fin-niżla ta' Sella.

22Kienu darbuh Ġożakar bin Simgħat u Ġeħożabad bin Somer, il-qaddejja tiegħu; u miet, u difnuh ma' missirijietu fil-belt ta' David, u beda jsaltan floku Amasija, ibnu.

## 2 Slaten 13

### Ġeħowaħaż, sultan ta' Iżrael

1Fis-sena tlieta u għoxrin ta' Ġowas bin Aħażija, sultan ta' Ġuda, sar sultan ta' Iżrael Ġeħowaħaż bin Ġeħu, f'Samarija, u dam isaltan sbatax-il sena.

2U għamel il-ħażin f'għajnejn il-Mulej, u mexa fuq id-dnubiet ta' Ġerobogħam bin Nebat, li dan ġagħal lil Iżrael jagħmlu, u ma warrabx minnhom.

3U xegħlet il-korla tal-Mulej kontra Iżrael, u rħiehom f'idejn Ħażajel, is-sultan ta' Aram, u f'idejn Benħadad bin Ħażajel, għal dak iż-żmien kollu.


© 2020 Malta Bible Society.

4U Ġeħowaħaż talab ħniena lill-Mulej u l-Mulej semgħu għax ra l-hemm ta' Iżrael, billi s-sultan ta' Aram kien qiegħed jgħakkishom.

5U l-Mulej ta salvatur lil Iżrael u ħelishom minn taħt idejn Aram; u wlied Iżrael għammru fi djarhom bħal qabel.

6Imma ma warrbux mid-dnubiet ta' dar Ġerobogħam, li dan ġagħal lil Iżrael jagħmlu; imxew fuqhom, u waqqfu saħansitra x-xbihat tal-Asera f'Samarija.

7Għalhekk Ġeħowaħaż ma kienx baqagħlu nies ħlief ħamsin rikkieba, għaxar karrijiet, u għaxart elef fanterija, għaliex kien qeridhom is-sultan ta' Aram, u għamilhom trab għall-irfis.

8U l-bqija tal-ġrajja ta' Ġeħowaħaż, u kulma għamel, u kemm wettaq jinsabu miktuba fi Ktieb il-Ġrajja tas-Slaten ta' Iżrael.

9U strieħ Ġeħowaħaż ma' missirijietu, u difnuh f'Samarija; u beda jsaltan floku Ġowas, ibnu.

### Ġowas, sultan ta' Iżrael

10Fis-sena sebgħa u tletin tas-sultan Ġowas, sultan ta' Ġuda, laħaq sultan ta' Iżrael Ġeħowas bin Ġeħowaħaż f'Samarija, u saltan għal sittax-il sena.

11U għamel il-ħażin f'għajnejn il-Mulej u ma warrabx mid-dnubiet kollha ta' Ġerobogħam bin Nebat, li dan ġagħal lil Iżrael jagħmlu, imma mexa fuqhom.

12U l-bqija tal-ġrajja ta' Ġowas, u kulma għamel, u kemm wettaq meta tqabad ma' Amasija, sultan ta' Ġuda, jinsabu miktubin fi Ktieb il-Ġrajja tas-Slaten ta' Iżrael.

13U Ġowas strieħ ma' missirijietu; u Ġerobogħam tela' fuq it-tron tiegħu. Ġowas difnuh f'Samarija mas-slaten ta' Iżrael.

### Il-mewt ta' Eliżew

14Eliżew marad b'marda li kellu jmut biha. U Ġowas sultan ta' Iżrael niżel ħdejh, u beda jibki quddiemu u jgħajjat: "Missier, Missier! Il-karru ta' Iżrael u r-rikkieb tiegħu!"

15U Eliżew qallu: "Ħu f'idejk qaws u vleġeġ." U ħa f'idu qaws u vleġeġ.

16U Eliżew qal lis-sultan ta' Iżrael: "Qiegħed idek fuq il-qaws." U dak qiegħed idu fuq il-qaws; u Eliżew poġġa idejh fuq idejn is-sultan,

17u qallu: "Iftaħ it-tieqa n-naħa tal-Lvant." U dak fetaħha. U Eliżew qallu: "Waddab vleġġa." U dak waddabha, u l-ieħor qallu: "Dik hi vleġġa ta' rebħa mingħand il-Mulej, u vleġġa ta' rebħa fuq Aram; għax int għad tidrob lil Aram f'Afek sakemm teqirdu."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

18Imbagħad qallu wkoll: "Hu l-vleġeġ." U dak ħadhom, u Eliżew qal lis-sultan ta' Iżrael: "Idrob l-art!" U dak darab l-art għal tliet darbiet, u waqaf.

19U l-bniedem ta' Alla għadab għalih, u qallu: "Li kieku drabt l-art ħamsa jew sitt darbiet, kont tkisser l-Aramin sa ma teqridhom. Imma issa tliet darbiet biss tista' tirbaħ lill-Aramin."

20U Eliżew miet u difnuh. Fi dħul is-sena qatgħa ħallelin minn Mowab bdew deħlin fil-pajjiż.

21Darba, meta xi wħud kienu qegħdin jidfnu wieħed mejjet, raw qatgħa minnhom u xeħtu r-raġel fil-qabar ta' Eliżew u telqu. Malli r-raġel mejjet mess mal-għadam ta' Eliżew, ħa l-ħajja, u qam fuq riġlejh.

### Gwerra bejn Iżrael u Aram

22U Hażajel, sultan ta' Aram, baqa' jgħakkes lil Iżrael iż-żmien kollu ta' Ġeħowaħaż.

23U l-Mulej ħenn għalihom, u tħassarhom u dar lejhom minħabba l-patt tiegħu ma' Abraham, Iżakk u Ġakobb. Ma riedx jeqridhom, u anqas qatt sal-lum ma warrabhom minn quddiemu.

24Imbagħad miet Hażajel, sultan ta' Aram, u daħal isaltan floku Benħadad, ibnu.

25U Ġeħowas bin Ġeħowaħaż raġa' ħa lura l-ibliet minn id Benħadad bin Hażajel, li dan kien ħa minn id Ġeħowaħaż missieru fil-gwerra. Tliet darbiet Ġowas għelbu, u raġa' ħa lura l-ibliet ta' Iżrael.

## 2 Slaten 14

### Amasija sultan ta' Ġuda

1Fit-tieni sena ta' Ġowas bin Ġowaħas, sultan ta' Iżrael, beda jsaltan Amasija bin Ġowas sultan ta' Ġuda.

2Kellu ħamsa u għoxrin sena meta sar sultan, u saltan f'Ġerusalemm għal disgħa u għoxrin sena; u ommu kien jisimha Ġeħogħadin minn Ġerusalemm.

3U għamel is-sewwa f'għajnejn il-Mulej, imma mhux bħal David missieru. Għamel kulma kien għamel Ġowas missieru.

4Biss ma warrabx is-santwarji, u l-poplu baqa' joffri s-sagrifiċċji u jaħraq l-inċens fis-santwarji.

5Ġara li malli saħħaħ is-saltna f'idejh, qatel il-qaddejja tiegħu, li kienu qatlu lis-sultan missieru.


© 2020 Malta Bible Society.

6Imma ma qatilx lil ulied il-qattelin, skont ma hemm miktub fil-ktieb tal-liġi ta' Mosè, fejn il-Mulej ordna u qal: "Ma jinqatlux il-missirijiet għall-ulied, u l-ulied għall-missirijiet, imma kulħadd jinqatel għal dnubu."

7Hu għeleb lill-Edumin f'wied il-Melħ, għaxart elef b'kollox; ħa Sela fil-ġlied, u semmieha Ġoktijel, kif għadu jisimha sal-lum.

8Imbagħad Amasija bagħat messaġġiera għand Ġeħowas bin Ġeħowaħaż, bin Ġeħu, sultan ta' Iżrael, jgħidulu: "Ejja ħa niltaqgħu wiċċ imb wiċċ."

9U Ġeħowas, is-sultan ta' Iżrael, bagħat jgħid lil Amasija, sultan ta' Ġuda, u qallu: "L-għollieq tal-Libanu bagħat jgħid liċ-ċedru li hemm fil-Libanu u qallu: 'Agħtini 'l bintek għal ibni b'martu.' Imma għaddew il-bhejjem selvaġġi li hemm fil-Libanu u għaffġu l-għollieq.

10Int farrakt lil Edom, u qalbek tkabbret. Ifraħ bil-glorja, u oqgħod f'darek. Għaliex tistieden il-gwaj, biex titlef int u Ġuda miegħek?"

11Imma Amasija ma samax; u Ġeħowas, sultan ta' Iżrael, tala' u ltaqgħu wiċċ imb wiċċ għall-ġlied hu u Amasija, sultan ta' Ġuda, f'Betxemex li hemm f'Ġuda.

12U Ġuda tħarbat quddiem Iżrael; u ħarbu, kulħadd lejn l-għarix tiegħu.

13U Ġeħowas, sultan ta' Iżrael, qabad f'idejh f'Betxemex lil Amasija, sultan ta' Ġuda, bin Ġeħowas, bin Aħażija, u ġew Ġerusalemm. Hemm fetaħ tiċrita ta' erba' mitt driegħ fil-ħajt ta' Ġerusalemm minn bieb Efrajm sal-bieb tal-kantuniera.

14U ħa d-deheb u l-fidda kollha, u t-tagħmir kollu li kien jinsab fit-tempju tal-Mulej, u fl-imħażen tal-palazz tas-sultan, flimkien ma' xi rġiel b'rahan, u raġa' lura s-Samarija.

15Il-bqija tal-ġrajja ta' Ġeħowas u kulma għamel, u kemm wettaq u l-ġlied tiegħu ma' Amasija, sultan ta' Ġuda, jinsabu miktuba fi Ktieb il-Ġrajja tas-Slaten ta' Iżrael.

16U Ġeħowas strieħ ma' missirijietu, u difnuh f'Samarija mas-slaten ta' Iżrael, u daħal isaltan floku Ġerobogħam ibnu.

17Amasija bin Ġowas, sultan ta' Ġuda, għex ħmistax-il sena wara l-mewt ta' Ġeħowas bin Ġeħowaħaż, sultan ta' Iżrael.

18Il-bqija tal-ġrajja ta' Amasija jinsabu miktuba fi Ktieb il-Ġrajja tas-Slaten ta' Ġuda.

19Għamlu konfoffa kontrih f'Ġerusalemm, u hu ħarab f'Lakis; u bagħtu nies warajh f'Lakis u qatluh hemm.

20Imbagħad ġarrewh fuq iż-żwiemel, u difnuh f'Ġerusalemm ma' missirijietu fil-belt ta' David.


© 2020 Malta Bible Society.

21 U l-poplu kollu ta’ Ġuda qabdu lil Għażarija, li kellu sittax-il sena, u għamluh sultan flok missieru Amasija.

22 Hu bena Elat u ġiebha lura lil Ġuda, wara li strieħ is-sultan ma’ missirijietu.

### Ġerobogħam sultan fuq Iżrael

23 Fis-sena ħmistax ta’ Amasija bin Ġowas, sultan ta’ Ġuda, beda jsaltan Ġerobogħam bin Ġowas, sultan ta’ Iżrael, f’Samarija u dam isaltan wieħed u erbgħin sena.

24 Għamel il-ħażin f’għajnejn il-Mulej, għax ma warrabx mid-dnubiet ta’ Ġerobogħam bin Nebat, li dan ġiegħel lil Iżrael jagħmlu.

25 Hu kien li raġa’ wassal il-fruntieri ta’ Iżrael mid-daħla ta’ Ħamat sal-baħar tal-Għaraba, skont il-kelma tal-Mulej, Alla ta’ Iżrael, permezz tal-qaddej tiegħu, il-profeta Ġona bin Amittaj, li kien minn Gat-ħefer.

26 Għax kien ra l-Mulej id-diqa kbira u morra ta’ Iżrael; ma kien fadal ħadd, la lsir u la ħieles; u ma kien hemm ebda salvatur għal Iżrael.

27 Imma billi l-Mulej ma kienx qatagħha li jħassar isem Iżrael minn taħt is-smewwiet, salvahom permezz ta’ Ġerobogħam bin Ġowas.

28 U l-bqija tal-ġrajja ta’ Ġerobogħam, u kulma għamel, u kemm wettaq, u l-gwerer tiegħu, u kif reġġa’ lura għand Iżrael lil Damasku u lil Ħemat, li kienu ta’ Ġuda, huma miktuba fi Ktieb il-Ġrajja tas-Slaten ta’ Iżrael.

29 Ġerobogħam strieħ ma’ missirijietu mas-slaten ta’ Iżrael, u daħal isaltan floku Żakkarija ibnu.

## 2 Slaten 15

### Għażarija sultan ta’ Ġuda

1 Fis-sena sebgħa u għoxrin ta’ Ġerobogħam, sultan ta’ Iżrael, beda jsaltan Għażarija bin Amasija, sultan ta’ Ġuda.

2 Kellu sittax-il sena meta beda jsaltan, u saltan għal tnejn u ħamsin sena f’Ġerusalemm; ommu kien jisimha Ġekolija minn Ġerusalemm.

3 U għamel is-sewwa f’għajnejn il-Mulej, bħalma kien għamel Amasija missieru.

4 Imma s-santwarji ma tneħħewx; il-poplu kien għadu joffri s-sagrifiċċji u jaħraq l-inċens fis-santwarji.

5 U l-Mulej darab lis-sultan, u dan baqa’ lebbruż sa jum mewtu; u kien jgħammar f’dar maqtugħa għaliha. U Ġotam, bin is-sultan, kien jieħu ħsieb il-palazz u jamministra l-ġustizzja lill-poplu tal-pajjiż.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

6U l-bqija tal-ġrajja ta' Għażarija, u kulma għamel, huma miktuba fi Ktieb il-Ġrajja
tas-Slaten ta' Ġuda.

7U Għażarija strieħ ma' missirijietu, u difnuh ma' missirijietu fil-belt ta' David; u
beda jsaltan floku ibnu Ġotam.

### Żakkarija sultan ta' Iżrael

8Fis-sena tmienja u tletin ta' Għażarija, sultan ta' Ġuda, beda jsaltan fuq Iżrael
Żakkarija bin Ġerobogħam f'Samarija għal sitt xhur.

9U għamel il-ħażin f'għajnejn il-Mulej, bħalma kienu għamlu missirijietu, u ma
warrabx mid-dnubiet ta' Ġerobogħam bin Nebat, li ġagħal lil Iżrael jagħmlu.

10U kkonfoffa kontra tiegħu Sallum bin Ġabes, u darbu f'Iblagħam, u qatlu; u
beda jsaltan floku.

11U l-bqija tal-ġrajja ta' Żakkarija jinsabu miktuba fil-Ktieb il-Ġrajja tas-Slaten ta'
Iżrael.

12Dan kien kliem il-Mulej li kien qal lil Ġeħu: "Uliedek joqogħdu fuq it-tron sar-
raba' nisel." U hekk kien.

### Sallum sultan ta' Iżrael

13Sallum bin Ġabes beda jsaltan fuq Iżrael fis-sena disgħa u tletin ta' Għużżija,
sultan ta' Ġuda, u baqa' jsaltan għal xahar f'Samarija.

14U qam Menaħem bin Gadi minn Tirsa u mar is-Samarija, u darab lil Sallum bin
Ġabes f'Samarija, u qatlu; u beda jsaltan floku.

15U l-bqija tal-ġrajja ta' Sallum, u l-konfoffa li għamel, huma kollha miktuba fi
Ktieb il-Ġrajja tas-Slaten ta' Iżrael.

16Imbagħad Menaħem ħarbat lil Tifsah u kulma kien hemm fiha, u l-inħawi
tagħha, ibda minn Tirsa, għax din ma fetħitlux bibienha, u darabha u ħarbatha,
u nifed in-nisa tqal tagħha bix-xabla.

### Menaħem sultan ta' Iżrael

17Fis-sena disgħa u tletin ta' Għażarija, sultan ta' Ġuda, beda jsaltan Menaħem
bin Gadi fuq Iżrael, u dam isaltan għaxar snin f'Samarija.

18U għamel il-ħażin f'għajnejn il-Mulej, ma warrabx mid-dnubiet ta' Ġerobogħam
bin Nebat, li dan ġagħal lil Iżrael jagħmlu.

19Fi żmienu ġie Pul, sultan tal-Assirja, fil-pajjiż; u Menaħem ta lil Pul elf talent
fidda biex dan jagħtih daqqa ta' id biex isaħħaħ is-saltna f'idejh.

20U Menaħem xeħet il-ħlas ta' dawn il-flus fuq Iżrael; fuq l-għonja kollha, li
kellhom iħallsu ħamsin xekel tal-fidda kull wieħed lis-sultan tal-Assirja. U s-
sultan tal-Assirja raġa' lura, u ma baqax aktar fil-pajjiż.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

21U l-bqija tal-ġrajja ta' Menaħem, u kulma għamel, huma miktuba fi Ktieb il-Ġrajja tas-Slaten ta' Iżrael.

22Menaħem strieħ ma' missirijietu; u daħal isaltan floku Pekaħija ibnu.

### Pekaħija sultan ta' Iżrael

23Fis-sena ħamsin ta' Għażarija, sultan ta' Ġuda, beda jsaltan Pekaħija bin Menaħem fuq Iżrael f'Samarija, u dam isaltan sentejn.

24U għamel il-ħażin f'għajnejn il-Mulej; ma warrabx mid-dnubiet ta' Ġerobogħam bin Nebat, li dan ġagħal lil Iżrael jagħmlu.

25U kkonfoffaw kontra tiegħu Pekaħ bin Remalija, l-ajjutant tiegħu, u darbu f'Samarija, fit-torri tal-palazz tas-sultan; miegħu kellu ħamsin raġel minn ulied il-Gilgħadin. Qatlu u daħal isaltan floku.

26U l-bqija tal-ġrajja ta' Pekaħija, u kulma għamel, huma miktuba fi Ktieb il-Ġrajja tas-Slaten ta' Iżrael.

### Pekaħ sultan ta' Iżrael

27Fis-sena tnejn u ħamsin ta' Għażarija, sultan ta' Ġuda, Pekaħ bin Remalija beda jsaltan fuq Iżrael f'Samarija, u dam isaltan għoxrin sena.

28U għamel il-ħażin f'għajnejn il-Mulej; ma warrabx mid-dnubiet ta' Ġerobogħam bin Nebat, li dan ġagħal lil Iżrael jagħmlu.

29Fi żmien Pekaħ, sultan ta' Iżrael, Tiglat-pileser, sultan tal-Assirja, ġie u ħa f'idejh Għijjon, Abel-bet-magħka, Ġanuħa, Kades, Hasor, Gilgħad u l-Galilija u l-art kollha ta' Naftali, u tturufnahom lejn l-Assirja.

30Hosegħa bin Ela kkonfoffa kontra Pekaħ bin Remalija, u darbu u qatlu, u beda jsaltan floku fis-sena għoxrin ta' Ġotam bin Għużżija.

31U l-bqija tal-ġrajja ta' Pekaħ, u kulma għamel, huma kollha miktuba fi Ktieb il-Ġrajja tas-Slaten ta' Iżrael.

### Ġotam sultan ta' Ġuda

32Fit-tieni sena ta' Pekaħ bin Remalija, sultan ta' Iżrael, beda jsaltan Ġotam bin Għużżija, sultan ta' Ġuda.

33Kellu ħamsa u għoxrin sena meta beda jsaltan u dam isaltan sittax-il sena f'Ġerusalemm; u ommu kien jisimha Ġerusa, bint Sadok.

34U għamel is-sewwa f'għajnejn il-Mulej, bħalma kien għamel Għużżija missieru.

35Imma ma tneħħewx is-santwarji; il-poplu baqa' joffri s-sagrifiċċji u jaħraq l-inċens fis-santwarji. Huwa bena wkoll il-Bieb il-Kbir tat-tempju tal-Mulej.

36U l-bqija tal-ġrajja ta' Ġotam, u kulma għamel, huma miktuba kollha fi Ktieb il-Ġrajja tas-Slaten ta' Ġuda.


© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[37]F'dak iż-żmien il-Mulej beda jibgħat kontra Ġuda lil Resin, sultan ta' Aram, u 'l Pekaħ bin Remalija.

[38]U Ġotam strieħ ma' missirijietu, u difnuh ma' missirijietu fil-belt ta' David missieru; u daħal isaltan floku Aħaż ibnu.

## 2 Slaten 16

### Aħaż sultan ta' Ġuda

[1]Fis-sena sbatax ta' Pekaħ bin Remalija, beda jsaltan Aħaż bin Ġotam, sultan ta' Ġuda.

[2]Kellu għoxrin sena meta Aħaż beda jsaltan, u dam isaltan sittax-il sena f'Ġerusalemm; u ma għamilx is-sewwa f'għajnejn il-Mulej, Alla tiegħu, bħal David missieru.

[3]U qabad it-triq tas-slaten ta' Iżrael, u wasal biex għadda lil ibnu min-nar skont id-drawwa moqżieża tal-ġnus, li l-Mulej kien keċċiehom minn quddiem ulied Iżrael.

[4]U offra sagrifiċċji, u ħaraq l-inċens fuq l-għoljiet u l-għaqbiet, u taħt kull siġra tħaddar.

[5]Imbagħad Resin, sultan ta' Aram, u Pekaħ bin Remalija, sultan ta' Iżrael, telgħu biex jaħbtu għal Ġerusalemm u dawruha; imma lil Aħaż ma setgħux jegħlbuh.

[6]Dak iż-żmien is-sultan ta' Edom raġa' ħa lil Elat għall-Edumin, u keċċa lin-nies ta' Ġuda minn Elat; u ġew l-Edumin f'Elat u baqgħu jgħammru hemm sal-lum.

[7]Aħaż bagħat messaġġiera lil Tiglat-pileser, sultan tal-Assirja, jgħidulu: "Jiena l-qaddej tiegħek u ibnek. Itla', u ejja eħlisni minn id is-sultan ta' Aram, u minn id is-sultan ta' Iżrael, għax qamu għalija."

[8]U Aħaż qabad il-fidda u d-deheb li kienu jinsabu fit-tempju tal-Mulej, u fit-teżori tal-palazz tas-sultan, u bagħathom b'rigal lis-sultan tal-Assirja.

[9]U s-sultan tal-Assirja ta widen għat-talba tiegħu. U s-sultan tal-Assirja tala' għal Damasku, u ħadha f'idejh, u tturufna lil niesha lejn Kir, u lil Resin qatlu.

[10]U s-sultan Aħaż mar jiltaqa' ma' Tiglat-pileser, sultan tal-Assirja, f'Damasku, u ra artal li kien hemm f'Damasku; u s-sultan Aħaż bagħat lil Urija, il-qassis, il-qisien tal-artal, u l-mudell tiegħu bil-fattizzi tiegħu kollha.

[11]U Urija, il-qassis, bena l-artal, kollox skont ma kien bagħat jgħidlu Aħaż minn Damasku; hekk għamel Urija, il-qassis, sakemm kien għadu ma wasalx is-sultan Aħaż minn Damasku.

[12]U s-sultan wasal minn Damasku, u ra l-artal, u s-sultan resaq lejn l-artal, u offra s-sagrifiċċji fuqu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[13]U ħaraq il-vittma u l-offerti tiegħu, u sawwab il-libazzjoni tiegħu, u xerred id-
demm tal-vittmi tas-sliem tiegħu fuq l-artal.

[14]U l-artal tal-bronż li kien quddiem il-Mulej neħħieh minn bejn l-artal tiegħu u
t-tempju tal-Mulej, u poġġieh ħdejn l-artal fuq in-naħa tat-Tramuntana.

[15]U s-sultan Aħaż ordna lil Urija, il-qassis, u qallu: "Is-sagrifiċċji tal-ħruq ta'
filgħodu, u l-offerti ta' filgħaxija, u s-sagrifiċċji tas-sultan u l-offerti tiegħu, u s-
sagrifiċċji tal-ħruq tal-poplu u l-offerti tagħhom, u l-libazzjonijiet tagħhom, u d-
demm tal-vittmi maħruqa, aħraqhom kollha fuq l-artal il-kbir, u roxx fuqu d-
demm kollu tal-vittmi tal-ħruq. L-artal tal-bronż ħallih fi ħsiebi."

[16]U Urija, il-qassis, għamel kollox skont ma ordnalu s-sultan Aħaż.

[17]U s-sultan Aħaż qala' l-panewijiet tal-imqagħad, u neħħa minn fuqhom il-
lenbija; u l-vaska l-kbira niżżilha minn fuq il-baqar tal-bronż li kienu taħtha, u
qegħedha fuq ċangatura tal-ġebel.

[18]U l-mogħdija tas-Sibt li kienu bnew fit-tempju, u d-dħul ta' barra tas-sultan fit-
tempju tal-Mulej, neħħiehom minħabba s-sultan tal-Assirja.

[19]U l-bqija tal-ġrajja tas-sultan Aħaż, u kulma għamel, jinsabu miktuba fi Ktieb
il-Ġrajja tas-Slaten ta' Ġuda.

[20]U Aħaż strieħ ma' missirijietu, u difnuh ma' missirijietu fil-belt ta' David; u
daħal isaltan floku Ħeżekija, ibnu.

## 2 Slaten 17

### Ħosegħa l-aħħar sultan ta' Iżrael

[1]Fis-sena tnax ta' Aħaż, sultan ta' Ġuda, Hosegħa bin Ela beda jsaltan f'Samarija
fuq Iżrael, u dam disa' snin.

[2]Għamel dak li hu ħażin f'għajnejn il-Mulej, imma mhux daqs is-slaten ta' Iżrael
ta' qablu.

[3]Salmaneser, sultan tal-Assirja, tala' għalih, u Hosegħa sar il-qaddej tiegħu, u
beda jħallas il-ħaraġ.

[4]Imma s-sultan tal-Assirja kixef konfoffa li Hosegħa kien qiegħed iħejji; għax dan
kien bagħat messaġġiera għand Suwa, sultan tal-Eġittu, u ma kienx bagħat il-
ħaraġ lis-sultan tal-Assirja bħalma kien jagħmel is-soltu minn sena għal sena. U
s-sultan tal-Assirja qabdu u żammu marbut fil-ħabs.

[5]Is-sultan tal-Assirja tala' għalihom, u dar il-pajjiż kollu, ħabat għas-Samarija, u
għalaqha minn kullimkien għal tliet snin.


© 2020 Malta Bible Society.

6Fid-disa' sena ta' Hosegħa, is-sultan tal-Assirja qabad f'idejh is-Samarija, karkar
l-Iżraelin lejn l-Assirja u ġagħalhom jgħammru f'Halaħ u matul il-Ħabor, xmara
ta' Gożan, u fl-ibliet tal-Medja.

7Dan kollu ġralhom għaliex ulied Iżrael kienu dinbu kontra l-Mulej, Alla
tagħhom, li kien tellagħhom mill-Eġittu minn taħt idejn il-Fargħun, is-sultan tal-
Eġittu. Iżda huma bdew iqimu allat oħra;

8imxew fuq id-drawwiet tal-ġnus li Alla kien keċċa minn quddiem ulied Iżrael, u
fuq id-drawwiet li kienu daħħlu s-slaten ta' Iżrael.

9Ulied Iżrael għamlu bil-moħbi dawk il-ħwejjeġ li ma kinux sewwa kontra l-
Mulej, Alla tagħhom; bnew is-santwarji fl-ibliet kollha tagħhom, mit-torrijiet tal-
għassa sal-ibliet iffortifikati.

10Waqqfu l-plieri u x-xbihat tal-Asera fuq kull għolja u taħt kull siġra tħaddar.

11U hemm kienu jaħarqu l-inċens fuq kull għolja bħall-ġnus li l-Mulej kien keċċa
minn quddiemhom. Għamlu ħwejjeġ ħżiena, u inkurlaw lill-Mulej.

12Servew lill-allat foloz, li l-Mulej kien qalilhom fuqhom: "La tagħmlux hekk."

13Il-Mulej kien iwiddeb lil Iżrael u lil Ġuda permezz ta' kull profeta u ta' kull
veġġent, u jgħidilhom: "Erġgħu lura minn triqatkom il-ħżiena, u ħarsu l-ordnijiet
tiegħi, u d-digrieti u l-liġi kollha li jien ordnajt lil missirijietkom, u li jien
bgħattilkom permezz tal-qaddejja tiegħi l-profeti."

14Imma huma ma semgħux, u webbsu rashom bħal missirijiethom, li ma
emmnux fil-Mulej, Alla tagħhom.

15U warrbu l-liġijiet tiegħu u l-patt tiegħu, li kien għamel ma' missirijiethom, u t-
twiddib tiegħu li kien għamlilhom; marru wara l-frugħa u tħassru bil-frugħat tal-
ġnus ta' madwarhom, filwaqt li l-Mulej kien ordnalhom biex ma jagħmlux
bħalhom.

16U abbandunaw kull ordni tal-Mulej, Alla tagħhom, u għamlu żewġ għoġiela,
idoli tal-metall imdewweb. U waqqfu x-xbihat tal-Asera u bdew jaduraw il-
qtajja' kollha tas-smewwiet, u jqimu lil Bagħal.

17U kienu jgħaddu lil uliedhom, subien u bniet, min-nar, u ntelqu għat-taħbir u
s-sħarijiet, u nbiegħu biex jagħmlu l-ħażin f'għajnejn il-Mulej, biex jinkurlawh.

18Għalhekk il-Mulej inkorla sewwa għal Iżrael, u warrabhom minn quddiem
wiċċu, u baqgħet weħidha t-tribù ta' Ġuda.

19Lanqas Ġuda ma ħarsu l-ordnijiet tal-Mulej, Alla tagħhom, u mxew skont id-
drawwiet li kienu daħħlu Iżrael.

20U l-Mulej tafa' n-nisel ta' Iżrael 'il barra, għakkishom u telaqhom f'idejn il-
ħallelin, sa ma warrabhom minn quddiem wiċċu.


© 2020 Malta Bible Society.

21Għax hu kien li qata' lil Iżrael mid-dar ta' David, u huma għamlu sultan lil Ġerobogħam bin Nebat; u dan begħedhom minn wara l-Mulej, u ġagħalhom jidinbu dnub kbir.

22U wlied Iżrael imxew fid-dnubiet kollha li kien għamel Ġerobogħam u ma tbegħdux minnhom,

23sa ma warrab il-Mulej lil Iżrael minn quddiem wiċċu bħalma kien qalilhom permezz tal-qaddejja kollha tiegħu l-profeti. U Iżrael ittieħdu fil-jasar, 'il bogħod minn arthom, fl-Assirja, fejn għadhom hemm sal-lum.

### Is-Samaritani

24U s-sultan tal-Assirja ġieb nies minn Babilonja, minn Kut, minn Għawwa, minn Hamat u minn Sefarwajjim, u qegħedhom fl-ibliet tas-Samarija minflok ulied Iżrael; u għamlu lis-Samarija b'tagħhom u bdew jgħammru fi blietha.

25Ġara li meta bdew jgħammru hemm, ma kinux jibżgħu mill-Mulej, u l-Mulej bagħat kontrihom l-iljuni u dawn qatlu lil xi wħud minnhom.

26U qalu lis-sultan tal-Assirja: "In-nies, li int kaxkart u qegħedthom f'Samarija, ma jafux kif iqimu lill-alla tal-pajjiż, u għalhekk bagħtilhom l-iljuni kontrihom u, ara, qegħdin joqtluhom, għax ma hemmx fosthom nies li jafu kif iqimu lill-alla tal-pajjiż."

27U s-sultan tal-Assirja ordnalhom, u qalilhom: "Ibagħtu hemm wieħed mill-qassisin li ġarrejtu minn hemm, ħa jmur jgħammar hemm, u jurihom kif iqimu lill-alla tal-pajjiż."

28U ġie wieħed mill-qassisin li kienu ġarrew mis-Samarija, u beda jgħammar f'Betel, u jgħallimhom kif iqimu l-Mulej.

29Ġara li kull ġens għamel l-allat tiegħu u qegħduhom fid-djar tas-santwarji li s-Samaritani kienu għamlu, kull ġens fil-belt li kien jgħammar fiha.

30In-nies ta' Babilonja għamlu lil Sukkot-benot; in-nies ta' Kut għamlu 'l Nergal; in-nies ta' Hamat għamlu 'l Asima;

31l-Għawwin għamlu 'l Nibħaż u 'l Tartak; u s-Sefarwajjin kienu jgħaddu lil uliedhom min-nar f'ġieħ Adrammelek u Għannammelek, allat tas-Sefarwajjin.

32U kienu wkoll iqimu lill-Mulej, u għamlu għalihom minn fosthom qassisin għas-santwarji, u kienu jservu fihom.

33Huma kienu jaduraw lill-Mulej, imma kienu wkoll iservu 'l allat tagħhom skont id-drawwa tal-ġnus, li minnhom ġew eżiljati.

34U sal-lum għadhom jagħmlu hekk skont id-drawwiet li kellhom sa minn qabel. Huma ma kinux iqimu lill-Mulej, u ma kinux jagħmlu skont il-liġijiet u d-digrieti, il-preċetti u l-ordnijiet li Alla kien ta lil ulied Ġakobb, li kien semmieh Iżrael.


© 2020 Malta Bible Society.

35U l-Mulej kien għamel patt magħhom, u qalilhom: "La tqimux allat oħra, u la tinxteħtux għarkupptejkom quddiemhom, u la sservuhomx, u lanqas toffrulhom sagrifiċċji.

36Imma l-Mulej li tellagħkom mill-art tal-Eġittu b'qawwa kbira u bi driegħu merfugħ, minnu għandkom tibżgħu, u quddiemu tinxteħtu għarkupptejkom, u lilu toffru s-sagrifiċċji.

37U l-istatuti, id-digrieti, u l-liġijiet u l-ordnijiet li kitbilkom għandkom tqisu li tħarsuhom għomorkom kollu. Ma għandkomx tibżgħu minn allat oħra.

38U l-patt li għamilt magħkom la tinsewhx u la tibżgħux minn allat oħra.

39Għax jekk intom tibżgħu mill-Mulej Alla tagħkom, hu jeħliskom minn id l-għedewwa kollha tagħkom."

40Iżda huma ma semgħux, imma baqgħu jagħmlu skont id-drawwiet tagħhom ta' qabel.

41U hekk dawn il-ġnus kienu jibżgħu mill-Mulej, u jservu lix-xbihat tal-allat tagħhom, u saħansitra wliedhom u wlied uliedhom baqgħu jagħmlu bħalma għamlu missirijiethom u għadhom jagħmlu hekk sal-lum.

## 2 Slaten 18

### Ħeżekija sultan ta' Ġuda

1Fit-tielet sena ta' Hosegħa bin Ela, sultan ta' Iżrael, beda jsaltan Ħeżekija bin Aħaż, sultan ta' Ġuda.

2Kellu ħamsa u għoxrin sena meta beda jsaltan, u dam isaltan disgħa u għoxrin sena f'Ġerusalemm; ommu kien jisimha Abi, bint Żakkarija.

3U għamel is-sewwa f'għajnejn il-Mulej, bħalma kien għamel David, missieru.

4Neħħa s-santwarji, kisser il-plieri, u qaċċat ix-xbieha tal-Asera, farrak is-serp tal-bronż li kien għamel Mosè, għax sa dak iż-żmien ulied Iżrael kienu għadhom jaħarqu l-inċens quddiemu, u kienu semmewh Neħustan.

5Kien jittama fil-Mulej, Alla ta' Iżrael, u warajh ma kien hemm ħadd bħalu fost is-slaten kollha ta' Ġuda, la ta' warajh u lanqas ta' qablu.

6Kien miġbud lejn il-Mulej, u ma warrab qatt minn warajh; u kien iħares l-ordnijiet tiegħu, li l-Mulej kien ordna lil Mosè.

7U l-Mulej kien miegħu u kellu r-riżq f'kulma kien jidħol għalih. U qam kontra s-sultan tal-Assirja u ma baqax iservih;

8u ħarbat lill-Filistin sa Gaża u l-inħawi tagħha, mit-torrijiet tal-għassiesa sal-ibliet iffortifikati.


© 2020 Malta Bible Society.

9Ġara li fir-raba' sena tas-sultan Ħeżekija, li kienet is-seba' sena ta' Hosegħa bin
Ela, sultan ta' Iżrael, Salmaneser, sultan ta' Assirja, tala' għal Samarija, u
dawwarha minn kullimkien.

10U ħadha f'idejh wara tliet snin. Kienet is-sitt sena ta' Ħeżekija u d-disa' sena ta'
Hosegħa, sultan ta' Iżrael, meta ttieħdet is-Samarija.

11U s-sultan tal-Assirja karkar fl-eżilju lil Iżrael fl-Assirja u qegħedhom f'Ħalaħ,
u ħdejn il-Ħabur, xmara tal-Gożan, u fl-ibliet tal-Medja;

12għax huma ma semgħux mill-kelma tal-Mulej, Alla tagħhom, kisru l-patt, u ma
semgħux u lanqas għamlu dak kollu li kien ordnalhom Mosè, il-qaddej tal-Mulej.

### Sanħerib jaħbat għal Ġuda

13Fis-sena erbatax tas-sultan Ħeżekija, Sanħerib, sultan tal-Assirja, tala' jaħbat
għall-ibliet kollha ffortifikati ta' Ġuda, u ħadhom f'idejh.

14U Ħeżekija, sultan ta' Ġuda, bagħat jgħid lis-sultan tal-Assirja f'Lakis: "Ħtija
tiegħi! Erġa' lura minni; u kulma tgħidli noqgħod għalih." U s-sultan tal-Assirja
ġagħal lil Ħeżekija, sultan ta' Ġuda, iħallas tliet mitt talent fidda u tletin talent
deheb.

15U Ħeżekija tah il-fidda kollha li kienet tinsab fit-tempju tal-Mulej u fit-teżor tal-
palazz tas-sultan.

16Kienet dik il-ħabta meta Ħeżekija, sultan ta' Ġuda, qala' l-pjanċi tad-deheb li
bihom kien kesa l-battenti u l-pilastri tal-bibien tat-tempju tal-Mulej, u tahom
lis-sultan tal-Assirja.

17U s-sultan tal-Assirja bagħat minn Lakis il-kmandant tal-eżerċtu, il-kap tal-
uffiċjali, u l-grankuppier b'eżerċtu kbir f'Ġerusalemm kontra Ħeżekija. U telgħu,
u waslu Ġerusalemm, u waqfu ħdejn l-akwedott tal-għadira l-fuqanija, li taħbat
fuq it-triq tal-għalqa tal-Ħassiel.

18Imbagħad sejħu lis-sultan, u ħareġ Eljakim bin Ħilkija, li kien jagħmel mill-
palazz, u Sebna, is-segretarju, u Ġowaħ bin Asaf, il-kronista.

19U l-grankuppier qalilhom: "Għidu lil Ħeżekija: 'Dan jgħid is-sultan il-Kbir, is-
sultan tal-Assirja: "X'inhi din it-tama li int qiegħed tittama?

20Taħseb int, jaqaw, li l-kliem waħdu jfisser għaqal u qawwa għall-gwerra? Issa
int f'min qiegħed tittama biex irvellajt kontrija?

21Bħalissa int qiegħed isserraħ rasek bl-Eġittu, dik il-qasba mxaqqa li tidħol f'id
min jistrieħ fuqha u ttaqqabhielu. Dan hu l-Fargħun, is-sultan tal-Eġittu, għal kull
min jittama fih.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

22Tgħiduli intom: 'Fil-Mulej, Alla tagħna, nittamaw aħna.' Mhux hu kien li
Ħeżekija neħħielu s-santwarji u l-artali tiegħu, u ordna lil Ġuda u 'l Ġerusalemm:
'Quddiem dan l-artal taduraw f'Ġerusalemm'?

23U issa agħmel imħatra ma' sidi s-sultan tal-Assirja, u jien nagħtik elfejn żiemel,
jekk inti għandek il-ħila ssib rikkieba għalihom.

24Kif tista', mela treġġa' lura lil wieħed mill-iċken qaddejja ta' sidi? U mbagħad
int tistenna ż-żwiemel u r-rikkieba mill-Eġittu!

25U issa jaqaw jien tlajt biex inħarbat dan il-pajjiż mingħajr ir-rieda tal-Mulej? Il-
Mulej qalli: 'Itla' għal din l-art u ħarbatha.' "

26U Eljakim bin Ħelkija, u Sebna, u Ġowaħ wieġbu lill-grankuppier: "Kellem lill-
qaddejja tiegħek bl-Arami, għax aħna nifhmuh. Tkellimniex bil-Lhudi, għax
jisma' l-poplu li qiegħed fuq il-ħajt."

27U l-grankuppier wieġeb: "Jaqaw sidna bagħatna ngħidu dan il-kliem lilek jew
lil sidek? Mhux lill-irġiel li hemm fuq il-ħajt, li għad jieklu ħmieġhom u jixorbu
ilmiethom magħkom?"

28U l-grankuppier baqa' hemm u beda jgħajjat b'leħen għoli u jgħid bil-Lhudi:
"Isimgħu l-kelma tas-sultan il-kbir, is-sultan tal-Assirja.

29Dan jgħid is-sultan: 'Ma jqarraqx bikom is-sultan Ħeżekija, għax ma jistax
jeħliskom minn idejja.

30Ma jittamakomx Ħeżekija fil-Mulej u jgħidilkom: 'Il-Mulej jeħlisna żgur, u din
il-belt ma tingħatax f'idejn is-sultan tal-Assirja'.

31La tisimgħux minn Ħeżekija, għax dan jgħid is-sultan tal-Assirja: 'Agħmlu paċi
miegħi, u ersqu lejja, u tieklu, kull wieħed mid-dielja tiegħu u kull wieħed mit-
tina tiegħu, u jixrob kull wieħed mill-bir tiegħu.

32Sakemm niġi u neħodkom f'art bħal artkom, art tal-qmuħ u tal-inbid, art tal-
ħobż u tad-dwieli, art taż-żebbuġ u tal-għasel; u hemm tgħixu u ma tmutux. La
tisimgħux minn Ħeżekija, għax ikun qiegħed iqarraq bikom meta jgħidilkom: 'Il-
Mulej jeħlisna!'

33Jaqaw allat il-ġnus ħelsu lil pajjiżhom minn id is-sultan tal-Assirja?

34Fejn huma l-allat ta' Ħamat u Arfad? Fejn huma l-allat ta' Sefarwajjin, ta' Ħena
u Għiwwa? Ħelsu huma lis-Samarija minn idejja?

35Min huma fost l-allat kollha ta' dawn l-artijiet li ħelsu lil arthom minn idejja,
biex issa jeħles il-Mulej lil Ġerusalemm minn idejja?

36U l-poplu baqa' sieket u ma weġbux, għax is-sultan kien ordnalhom: "La
tweġbuhx."


© 2020 Malta Bible Society.

37U Eljakim bin Hilkija, li kien jagħmel mill-palazz, u Sebna, is-segretarju, u Ġowaħ bin Asaph, il-kronista, marru għand Ħeżekija bi ħwejjiġhom imċarrta, u għarrfuh b'kulma kien qalilhom il-grankuppier.

# 2 Slaten 19

### It-telfa ta' Sanħerib

1Malli s-sultan Ħeżekija sama' b'dan ċarrat ilbiesu, u nkesa bi xkora, u mar fit-tempju tal-Mulej.

2U bagħat lil Eljakim, li kien jagħmel mill-palazz, lil Sebna, is-segretarju, u x-xjuħ tal-qassisin liebsa x-xkejjer għand il-profeta Isaija bin Amos.

3U qalulu: "Dan jgħid Ħeżekija: 'Jum ta' diqa u kastig u għajb illum; l-ulied waslu għat-twelid, imma n-nisa bla saħħa.

4Għandu mnejn jisma' l-Mulej, Alla tiegħek, il-kliem kollu tal-grankuppier, mibgħut minn sidu s-sultan tal-Assirja, biex iżeblaħ lil Alla l-ħaj, u jrażżnu għall-kliem li sama' l-Mulej, Alla tiegħek. Itlob bil-qawwa għall-bqija li għad fadal.' "

5U l-qaddejja ta' Ħeżekija marru għand Isaija.

6U Isaija qalilhom: "Dan għidu lil sidkom: 'Dan jgħid il-Mulej: La tibżax mill-kliem li smajt, li bih il-qaddejja tas-sultan tal-Assirja żebilħuni.

7Arawni, se nqajjem spirtu fih, u malli jisma' aħbar jerġa' lura lejn artu, u hemm f'pajjiżu neqirdu bix-xabla.' "

8Il-grankuppier raġa' lura, u sab lis-sultan tal-Assirja jitqabad kontra Libna, għax dan kien sama' li dan kien tbiegħed minn Lakis.

9U Sanħerib sama' lil min jgħid dwar Tirħaka, sultan ta' Kus: 'Ara, ħareġ jiġġieled miegħek.' Għalhekk raġa' bagħat xi messaġġiera għand Ħeżekija u qalilhom:

10"Dan għidulu lil Ħeżekija, sultan ta' Ġuda: 'Lil Alla tiegħek, li fih int tqiegħed it-tama tiegħek, tħallihx iqarraq bik, billi jgħidlek li Ġerusalemm ma tistax tingħata f'idejn is-sultan tal-Assirja!

11Inti smajt x'għamlu s-slaten tal-Assirja lill-pajjiżi l-oħra kollha, kif qerduhom għalkollox. Int waħdek se teħles?

12Jaqaw il-ġnus li missirijieti qerdu, Gożan, Haran, Resef, u l-poplu ta' Għeden, li kienu jgħammru f'Telaxxar, ħelsuhom l-allat tagħhom?

13Fejn hu s-sultan ta' Hamat, u s-sultan ta' Arfad, u s-sultan tal-belt ta' Sefarwajjin, ta' Hena u ta' Għiwwa?' "

14Ħeżekija ħa l-ittra minn id il-messaġġiera, u qraha. Imbagħad tala' fit-tempju tal-Mulej, u firixha quddiem il-Mulej.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

15U Ħeżekija talab quddiem il-Mulej b'dan il-kliem: "Mulej, Alla ta' Iżrael, li qiegħed fuq il-kerubini, int waħdek Alla fuq is-saltniet kollha tal-art, int għamilt is-smewwiet u l-art.

16Agħti widen, Mulej, u isma'; iftaħ għajnejk, Mulej, u ara! Isma' l-kliem ta' Sanħerib, li bih bagħat iżeblaħ lil Alla l-ħaj.

17Kollu minnu, Mulej, li s-slaten tal-Assirja ħarbtu l-ġnus u artijiethom,

18u xeħtu l-allat tagħhom fin-nar; imma dawk ma kinux allat, għax mhumiex ħlief ħatab u ġebel, xogħol ta' id il-bniedem u għalhekk setgħu jġibuhom fix-xejn.

19Issa, Mulej, Alla tagħna, salvana minn idu, u jkunu jafu s-saltniet kollha tal-art li inti waħdek Alla, il-Mulej."

20Imbagħad Isaija bin Amos, bagħat jgħid lil Ħeżekija: "Dan jgħid il-Mulej, Alla ta' Iżrael. Kulma tlabtni dwar is-sultan Sanħerib, sultan tal-Assirja, jiena smajtu.

21Dan jgħid il-Mulej kontrih: "Tistmerrek, tiddieħak bik, ix-xebba bint Sijon. Minn warajk tħarrek rasha, bint Ġerusalemm!

22Lil min għajjart u lil min żeblaħt? Kontra min għollejt leħnek, u rfajt għajnejk fil-għoli? Kontra l-Qaddis ta' Iżrael!

23Bil-messaġġiera tiegħek għajjart is-Sid, u għedt: 'Bil-kotra tal-karrijiet tiegħi, jien tlajt fil-għoli fuq il-muntanji, fuq il-qċaċet tal-Libanu. Qaċċatt l-ogħla ċedri tiegħu, l-isbaħ fost iċ-ċipress tiegħu; dħalt fl-ibgħad irkejjen tiegħu, fil-foresti tiegħu qishom ġonna.

24Jiena ħaffirt u xrobt l-ilma tal-barrani; jiena nixxift b'qiegħ saqajja l-widien kollha tal-Eġittu.'

25Ma smajtx jaqaw li sa minn żmien ilu, dan jien ħejjejtu? Minn żmien il-qedem jien kont sawwartu u issa temmejtu? Int kellek tagħmel gods ħerba bliet bis-swar.

26U nieshom, bla ħila, tħawdu u twerwru, saru bħal ħaxix tar-raba', bħal inbiet tari, bħal ħażiż tal-bjut, u sbul maħruq mir-riħ tal-Lvant.

27Kull meta int toqgħod, jew toħroġ, jonkella tidħol, jiena nkun naf.

28Ladarba żżarġant kontrija, u l-kburija tiegħek waslet f'widnejja, jiena ngħaddi ħolqti minn imnifsejk, u lġiem minn xufftejk, u rreġġgħek lura fi triqtek li minnha ġejt.

29"U dan ikun is-sinjal: Din is-sena tiekol milli jinbet waħdu, sena oħra dak li jinbet minn dan, u fit-tielet sena tiżirgħu u taħsdu u tħawlu d-dwieli, u tieklu mill-għelejjel tagħhom.


© 2020 Malta Bible Society.

30U l-fdal li jkun ħeles mid-dar ta' Ġuda jibqgħu u jxenxlu għeruqhom fil-fond, u
jagħmlu l-frott fil-wiċċ.

31Għax minn Ġerusalemm joħroġ il-fdal, u mill-muntanja ta' Sijon il-meħlusin. Il-
ħeġġa tal-Mulej tagħmel dan.

32"Għalhekk dan jgħid il-Mulej għas-sultan tal-Assirja: 'F'din il-belt ma jidħolx;
ebda vleġġa ma jwaddab fiha; ebda tarka ma jressaq quddiemha; ebda ħajt ma
jtella' madwarha.

33Mit-triq li minnha ġie, minnha jerġa' lura. U f'din il-belt ma jidħolx, oraklu tal-
Mulej.

34Jiena nħares din il-belt u nsalvaha minħabba fija nnifsi, u minħabba David, il-
qaddej tiegħi.' "

35Ġara li dak il-lejl stess, ħareġ l-anġlu tal-Mulej fil-kamp tal-Assiri u qered mija
u ħamsa u tmenin elf ruħ. Xħin qamu l-oħrajn filgħodu, hemm isibuhom ilkoll
iġsma mejta.

36Imbagħad Sanħerib, sultan tal-Assirja, rafa' l-kamp u telaq u raġa' lura, u baqa'
f'Ninwè.

37U kif kien mixħut fl-art fit-tempju ta' Nisrok, alla tiegħu, Adrammelek u
Sareser, uliedu, darbuh bix-xabla, u huma ħarbu lejn l-art ta' Ararat. U laħaq
sultan floku Esarħaddun, ibnu.

## 2 Slaten 20

### Il-marda u l-fejqan ta' Ħeżekija

1F'dak iż-żmien Ħeżekija marad għall-mewt. U ġie għandu l-profeta Isaija bin
Amos, u qallu: "Dan jgħid il-Mulej: 'Aħseb għal darek, għax se tmut u ma tgħixx.'
"

2U Ħeżekija dawwar wiċċu lejn il-ħajt, u beda jitlob lill-Mulej u jgħid:

3"Iddew Mulej, ftakar kif jien imxejt quddiemek b'fedeltà u b'qalb sħiħa u
għamilt it-tajjeb f'għajnejk." U beka Ħeżekija biki kbir.

4Ġara li anqas kien għadu ħareġ fil-bitħa tan-nofs li ma ġietx fuq Isaija l-kelma
tal-Mulej, u qallu:

5"Erġa' lura u għid lil Ħeżekija, il-prinċep tal-poplu tiegħi: 'Dan jgħid il-Mulej,
Alla ta' David missierek: Jien smajt it-talba tiegħek, rajt id-dmugħ tiegħek. Arani,
issa se nfejqek u fit-tielet jum int titla' fit-tempju tal-Mulej.

6U ntawwal għomrok bi ħmistax-il sena oħra, u neħilsek minn idejn is-sultan tal-
Assirja, lilek u lil din il-belt minħabba fija nnifsi, u minħabba David, il-qaddej
tiegħi.' "


© 2020 Malta Bible Society.

7U Isaija qallu: "Ġibuli ċappa tin." U ġabuhielu u qegħduhielu fuq il-ġerħa; u
Ħeżekija fieq.

8U Ħeżekija staqsa lil Isaija: "Liema hu s-sinjal li se nfiq, u tlitt ijiem oħra nitla'
fit-tempju tal-Mulej?"

9U Isaija wieġbu: "Dan hu s-sinjal mill-Mulej li l-Mulej jagħmel dan li qallek: Trid
li d-dell jimxi 'l quddiem għaxar tarġiet jew li jerġa' lura għaxar tarġiet?"

10U Ħeżekija wieġbu: "Haġa ħafifa li d-dell jitwal għaxar tarġiet. Le, ħa jerġa' lura
għaxar tarġiet."

11U Isaija, il-profeta, talab lill-Mulej, u raġġa' lura għaxar tarġiet id-dell, li kien
niżel mat-taraġ ta' Aħaż.

### Ħeżekija u s-sultan ta' Babilonja

12Dak iż-żmien Merodak-baladan bin Baladan, sultan ta' Babilonja, bagħat ittra
u rigal lil Ħeżekija, għax kien sama' li Ħeżekija kien marad.

13Ħeżekija feraħ bihom u wriehom id-dar tat-teżor b'kulma kien hemm fiha: il-
fidda u d-deheb, il-fwejjaħ u ż-żejt fin, l-armerija u kulma kien jinsab fl-imħażen
tiegħu; ma kien hemm xejn f'daru u f'saltnatu li Ħeżekija ma wrihomlhomx.

14U l-profeta Isaija ġie għand is-sultan Ħeżekija u qallu: "X'qalulek dawk in-nies?
Mnejn ġew għandek?" U Ħeżekija wieġbu: "Minn art imbiegħda, ġew minn
Babilonja."

15U qallu: "X'raw fil-palazz tiegħek?" U Ħeżekija wieġbu: "Raw kulma jinsab fil-
palazz tiegħi; ma kien hemm xejn fl-imħażen tiegħi li ma wrejthulhomx."

16U Isaija wieġeb lil Ħeżekija: "Isma' l-kelma tal-Mulej:

17"Ara, għad jiġi żmien li jinġarr f'Babilonja kulma jinsab f'darek u kulma ħażnu
s'issa missirijietek, xejn ma jibqa'. Il-kelma tal-Mulej.

18U minn fost uliedek li għad joħorġu minnek, li int għad tnissel, jittieħdu u jkunu
uffiċjali fil-palazz tas-sultan ta' Babilonja."

19U Ħeżekija qal lil Isaija: "Sewwa l-kelma tal-Mulej, li għedt," għax ħaseb:
"Għallinqas fi żmieni jkun hemm il-paċi u s-sigurtà."

20Il-bqija tal-ġrajja ta' Ħeżekija, kemm wettaq, u kif għamel il-menqgħa u l-kanal,
u wassal l-ilma fil-belt, jinsabu miktuba fi Ktieb il-Ġrajja tas-Slaten ta' Ġuda.

21U Ħeżekija strieħ ma' missirijietu, u daħal isaltan floku ibnu Manassi.

## 2 Slaten 21

### Manassi sultan ta' Ġuda


© 2020 Malta Bible Society.

1 Kellu tnax-il sena Manassi meta beda jsaltan, u dam isaltan ħamsa u ħamsin
sena f'Ġerusalemm; u ommu kien jisimha Hefsiba.

2 U għamel il-ħażin f'għajnejn il-Mulej, bħall-qżiżijiet tal-ġnus li Alla kien keċċa
minn quddiem ulied Iżrael.

3 Bena s-santwarji li Ħeżekija missieru kien qered, u waqqaf artali lil Bagħal, u
għamel ix-xbihat tal-Asera bħalma kien għamel Aħab, sultan ta' Iżrael; u beda
jqim l-eżerċti tas-sema u jaqdihom.

4 U bena wkoll artali fit-tempju tal-Mulej, minkejja li l-Mulej kien qalilhom:
"F'Ġerusalemm inqiegħed ismi."

5 U bena artali lill-eżerċti kollha tas-sema fiż-żewġ btieħi tat-tempju tal-Mulej.

6 U għadda lil ibnu min-nar, taha għat-teħbir u s-seħer, u daħħal it-teħbir bil-
mejtin u l-qari tal-ġejjieni, u għamel kemm felaħ ħażen f'għajnejn il-Mulej, tant li
nkurlah sewwa.

7 U qiegħed saħansitra xbieha tal-Asera, li kien għamel, fit-tempju, li l-Mulej kien
ordna lil David u lil Salamun ibnu: "F'dan it-tempju u f'Ġerusalemm li jien għażilt
minn fost it-tribujiet kollha ta' Iżrael, inqiegħed ismi għal dejjem.

8 U ma nħallix iżjed li riġel Iżrael jitħarrek mill-art li jien tajt lil missirijiethom;
imma dan iseħħ biss jekk iqisu li jħarsu kulma ordnajtilhom skont il-liġi li tahom
il-qaddej tiegħi Mosè."

9 Iżda huma ma semgħux, u Manassi ħariġhom mit-triq u ġagħalhom jagħmlu
agħar mill-ġnus li Alla kien qered minn quddiem ulied Iżrael.

10 U l-Mulej tkellem permezz tal-qaddejja tiegħu l-profeti, u qalilhom:

11 "Ladarba Manassi, sultan ta' Ġuda, għamel dawn il-qżiżijiet, u agħar milli qatt
għamlu l-Amurrin, li kien hemm qablu, u talli ġagħal lil Ġuda jidneb b'allatu,

12 dan jgħid il-Mulej, Alla ta' Iżrael: 'Arani, se nġib id-deni fuq Ġerusalemm u
Ġuda, u kull min jisma' biha jibdew itextxu widnejh.

13 Immidd fuq Ġerusalemm il-ħabel tas-Samarija, u ċ-ċomb ta' dar Aħab, u
nnaddaf lil Ġerusalemm bħalma tnaddaf platt, tnaddfu u taqilbu wiċċu 'l isfel.

14 U jiena nitlaq il-fdal tal-wirt tiegħi, u nerħihom f'idejn l-għedewwa tagħhom, u
huma jkunu priża u ħatfa tal-għedewwa tagħhom kollha.

15 Għax huma għamlu l-ħażin f'għajnejja, u kienu jsaħħnuni sa minn meta
missirijiethom ħarġu mill-Eġittu sal-ġurnata tal-lum."

16 U Manassi wkoll xerred kotra kbira ta' demm bla ħtija, u mela bih lil
Ġerusalemm minn tarf sa tarf, minbarra dnubietu li bihom ġagħal lil Ġuda
jagħmlu l-ħażin f'għajnejn il-Mulej.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

17U l-bqija tal-ġrajja ta' Manassi, u kulma għamel, u l-ħtijiet tiegħu li għamel, huma miktuba fi Ktieb il-Ġrajja tas-Slaten ta' Ġuda.

18U strieħ Manassi ma' missirijietu, u difnuh fil-ġnien ta' daru, il-ġnien ta' Għużżija; u daħal isaltan floku Amon ibnu.

### Amon sultan ta' Ġuda

19Amon kellu tnejn u għoxrin sena meta beda jsaltan, u saltan sentejn f'Ġerusalemm; ommu kien jisimha Mesullemet bint Harus, minn Gotba.

20U għamel il-ħażin f'għajnejn il-Mulej, bħalma kien għamel Manassi, missieru.

21U qabad it-triq kollha li mexa fiha missieru, u kien iqim lill-allat foloz li missieru kien iservi u jqim.

22U telaq lill-Mulej Alla ta' missirijietu, u ma mexiex fit-triq tal-Mulej.

23U l-qaddejja ta' Amon ikkonfoffaw kontrih, u qatluh f'daru.

24Imma n-nies tal-pajjiż qatlu lil dawk kollha li kkonfoffaw kontra s-sultan Amon, u għamlu sultan floku lil Ġosija, ibnu.

25U l-bqija tal-ġrajja ta' Amon, u ta' kulma għamel huma miktuba fi Ktieb il-Ġrajja tas-Slaten ta' Ġuda.

26U difnuh f'qabru fil-ġnien ta' Għużżija; u daħal isaltan minfloku Ġosija ibnu.

## 2 Slaten 22

### Ġosija sultan ta' Ġuda

1Ġosija kellu tmien snin meta beda jsaltan, u saltan wieħed u tletin sena f'Ġerusalemm. Ommu kien jisimha Ġedida bint Għadajja, minn Boskat.

2U għamel is-sewwa f'għajnejn il-Mulej u mexa fit-triqat kollha ta' David missieru, u ma kisirx la lejn il-lemin u lanqas lejn ix-xellug.

3Ġara li fit-tmintax-il sena tas-sultan Ġosija, is-sultan bagħat lis-segretarju Safan bin Asalija, bin Mesullam, fit-tempju tal-Mulej, u qallu:

4"Itla' għand Hilkija, il-qassis il-kbir, ħa jgħodd il-flus kollha miġbura f'dar il-Mulej, li ġabru l-għassiesa tal-bieb mingħand il-poplu.

5U jagħtuhom f'idejn l-imgħallmin li jieħdu ħsieb ix-xogħol fit-tempju tal-Mulej, u dawn jgħadduhom lill-ħaddiema tat-tempju tal-Mulej biex isewwu l-ħsara fit-tempju;

6jgħadduhom lill-mastrudaxxi, lin-naġġara u lill-bennejja, biex jixtru l-injam u l-ġebel minġur għat-tiswija tat-tempju.


© 2020 Malta Bible Society.

7Imma ma għandhomx jitolbuhom kontijiet tan-nefqa tal-flus għax qegħdin jaħdmu bis-sewwa."

8U Hilkija, il-qassis il-kbir, qal lil Safan, is-segretarju: "Sibt il-ktieb tal-liġi fit-tempju tal-Mulej." U Hilkija ta l-ktieb lil Safan, u dan qrah.

9Safan, is-segretarju, mar għand is-sultan, wassallu r-risposta, u qallu: "Il-qaddejja tiegħek ġabru l-flus li sabu fit-tempju u tawhom f'idejn l-imgħallmin, li jieħdu ħsieb ix-xogħol fit-tempju tal-Mulej."

10U Safan, is-segretarju, qallu wkoll: "Hilkija, il-qassis, tani dan il-ktieb." U Safan qrah quddiem is-sultan.

11Malli sama' l-kliem tal-ktieb tal-liġi, is-sultan ċarrat ħwejġu.

12Imbagħad is-sultan ordna lil Hilkija, il-qassis, lil Aħikam bin Safan, u lil Għakbor bin Mikija, lil Safan, is-segretarju, u lil Għaxajja, qaddej tas-sultan, u qalilhom:

13"Morru staqsu 'l-Mulej għalija, u għall-poplu, u għal Ġuda kollu dwar il-kliem li hawn f'dan il-ktieb li nstab, għax kbira hi l-korla tal-Mulej li xegħlet għalina, għax missirijietna ma semgħux minn kliem dan il-ktieb, u ma għamlux kulma hawn miktub fih għalina."

14U Hilkija, il-qassis, u Aħikam u Għakbor u Safan u Għaxajja marru għand Hulda, il-profetessa, mart Sallum bin Tikwa, bin Harħas, li kien jieħu ħsieb l-ilbies. Kienet toqgħod fit-tieni kwartier ta' Ġerusalemm. Meta kellmuha

15qaltilhom, "Dan jgħid il-Mulej, Alla ta' Iżrael: 'Għidu lil min bagħatkom għandi:

16Dan jgħid il-Mulej: Arawni, se nġib il-ħsara fuq dan il-post, u fuq kull min jgħammar fih; il-kliem kollu li s-sultan ta' Ġuda qara f'dan il-ktieb,

17għax huma telquni biex ħarqu l-inċens lil allat oħra, u inkurlawni b'kulma għamlu idejhom, u jixgħel għadbi għal dan il-post, u ma jintefiex.'

18U lis-sultan ta' Ġuda li bagħatkom tistħarrġu lill-Mulej dan tgħidulu: 'Dan jgħid il-Mulej, Alla ta' Iżrael: Dwar il-kliem li int smajt,

19billi trattbet qalbek u umiljajt ruħek quddiem il-Mulej meta smajt x'għedt dwar dan il-post u dwar dawk li jgħammru fih, jiġifieri, li jkunu ta' biża' u ta' saħta; talli int ċarratt ħwejġek u bkejt quddiemi, jien ukoll smajtek. Oraklu tal-Mulej.

20'Arawni, għalhekk jien niġbrok ma' missirijietek, u tinġabar f'qabrek bis-sliem. U għajnejk ma jarawx il-ħsara kollha li se nġib fuq dan il-post.' " U wasslu dan il-kliem lis-sultan.

## 2 Slaten 23

### Ir-riforma ta' Ġosija


© 2020 Malta Bible Society.

1 Imbagħad is-sultan bagħat jiġbor madwaru x-xjuħ kollha ta' Ġuda u ta' Ġerusalemm.

2 U s-sultan tala' fit-tempju tal-Mulej, u miegħu n-nies kollha ta' Ġuda, u dawk kollha li kienu jgħammru f'Ġerusalemm, u l-qassisin u l-profeti u l-poplu kollu, miż-żgħir sal-kbir. U b'mod li jisimgħuh qara l-kliem kollu tal-ktieb tal-patt, li kien instab fit-tempju tal-Mulej.

3 Is-sultan, wieqaf ħdejn il-pilastru, għamel patt quddiem il-Mulej li jimxi wara l-Mulej u jħares il-kmandamenti u l-preċetti u l-liġijiet tiegħu b'qalbu kollha u b'ruħu kollha, u jżomm il-kliem ta' dan il-patt, miktub f'dan il-ktieb. U l-poplu kollu qagħad għal dan il-patt.

4 U s-sultan ordna lil Hilkija, il-qassis il-kbir, u lill-qassis tat-tieni grad u lill-għassiesa tal-bieb biex joħorġu mit-tempju tal-Mulej it-tagħmir kollu magħmul f'ġieħ Bagħal u l-Asera u l-eżerċti kollha tas-sema. U ħaraqhom barra Ġerusalemm fir-raba' ta' Kedron, u xerred irmiedhom f'Betel.

5 U neħħa l-qassisin tal-allat foloz li s-slaten ta' Ġuda kienu għamlu, u li kienu jaħarqu l-inċens fis-santwarji tal-ibliet ta' Ġuda, u fl-inħawi ta' Ġerusalemm; neħħa wkoll lil dawk li kienu jaħarqu l-inċens lil Bagħal, lix-xemx, lill-qamar u lill-kostellazzjonijiet tal-kwiekeb, u l-eżerċti kollha tas-sema.

6 U ħareġ, mid-dar tal-Mulej, 'il barra minn Ġerusalemm, l-Asera fil-wied ta' Kedron, u ħaraqha fil-wied ta' Kedron, u għamilha rmied, u xerred irmiedha fuq l-oqbra ta' wlied il-poplu.

7 U ħatt id-djar tar-rġiel prostituti tas-santwarji li kien hemm fit-tempju tal-Mulej, u li fihom in-nisa kienu jinsġu lbies għall-Asera.

8 U ġieb il-qassisin kollha mill-ibliet ta' Ġuda, u niġġes is-santwarji fejn il-qassisin kienu jaħarqu l-inċens, minn Geba sa Birsaba. U ġarraf is-santwarji f'ġieħ l-allat mogħoż li kien hemm fid-daħla tal-bieb ta' Ġożwè, gvernatur tal-belt, int u dieħel, fuq ix-xellug.

9 Imma l-qassisin tas-santwarji ma kinux jitilgħu fuq l-artal tal-Mulej f'Ġerusalemm, imma kienu jieklu l-ħobż ażżmu f'nofs ħuthom.

10 U niġġes ukoll it-Tofet, li kien hemm fil-wied ta' Benħinnom, biex ħadd ma jgħaddi lil ibnu jew lil bintu min-nar f'ġieħ Molok.

11 Neħħa wkoll iż-żwiemel li kienu qiegħdu s-slaten ta' Ġuda f'ġieħ ix-xemx fi dħul dar il-Mulej, ħdejn l-għorfa ta' Natanmelek, l-ewnuku, li kienet fil-bini ta' madwar it-tempju, u ħaraq fin-nar l-imriekeb tax-xemx.

12 Is-sultan qered l-artali li kien hemm fis-setaħ tal-għorfa ta' Aħaż, li kienu għamlu s-slaten ta' Ġuda; u l-artali li kien għamel Manassi fiż-żewġ btieħi ta' dar il-Mulej, għamilhom frak u waddab trabhom fil-wied ta' Kedron.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

13Is-sultan niġġes ukoll is-santwarji li kien hemm fuq il-Lvant ta' Ġerusalemm, u
fuq in-naħa tan-Nofsinhar tal-għolja taż-żebbuġ li kien bena Salamun, is-sultan
ta' Iżrael, f'ġieħ Għastarot, l-għajb tas-Sidonin, u f'Kemos, l-għajb ta' Mowab, u
f'ġieħ Milkom, il-qżież ta' wlied Għammon.

14U kisser il-plieri, u qaċċat ix-xbihat tal-Asera, u mela l-post bl-għadam tan-nies.

15U ġarraf ukoll l-artal li kien hemm f'Betel, u s-santwarju li kien għamel
Ġeroboghħam bin Nebat, li kien waqqa' lil Iżrael fid-dnub; dan l-artal u dan is-
santwarju qeridhom. Ħaraq is-santwarju u kisser il-ġebel tiegħu, u għamlu trab,
u ħaraq ix-xbihat tal-Asera.

16Ġosija dar dawra madwaru, u ra l-oqbra li kien hemm fuq l-għolja, u bagħat
iġib l-għadam mill-oqbra, u xerrdu fuq l-artali u niġġishom skont il-kelma tal-
Mulej, imxandra mill-bniedem ta' Alla, meta Ġeroboghħam kien ħdejn l-artal nhar
il-festa. Imbagħad is-sultan ħares madwaru, u xeħet għajnejh fuq il-qabar tal-
bniedem ta' Alla, li kien ħabbar dawn il-ħwejjeġ.

17Ġosija qal: "X'inhu dak il-borġ ġebel li qiegħed nara?" U weġbuh in-nies tal-
belt: "Il-qabar tal-bniedem ta' Alla li kien ġie minn Ġuda u ħabbar dawn il-
ħwejjeġ li int għamilt issa, kontra l-artal ta' Betel."

18U hu wieġeb: "Ħalluh, ħadd ma għandu jħarrek għadmu." Hekk għadmu baqa'
sħiħ flimkien mal-għadam tal-profeta li kien ġie mis-Samarija.

19U Ġosija ġarraf il-bini kollu tas-santwarji li kien hemm fil-belt ta' Samarija, li
kienu bnew is-slaten ta' Iżrael, biex inkurlaw lill-Mulej, u għamlilhom bħalma
kien għamel f'Betel.

20U qatel fuq l-artali lill-qassisin kollha tas-santwarji li kien hemm, u ħaraq
fuqhom l-għadam tan-nies. U raġa' lura Ġerusalemm.

### Il-festa tal-Għid

21Imbagħad is-sultan ordna lill-poplu kollu: "Agħmlu l-Għid lill-Mulej, Alla
tagħkom, skont ma hemm miktub f'dan il-ktieb tal-patt."

22Għax ma kien sar ebda Għid bħal dan sa minn żmien l-imħallfin li kienu jaħkmu
fuq Iżrael u ż-żmien kollu tas-slaten ta' Iżrael u s-slaten ta' Ġuda.

23Kien fit-tmintax-il sena tas-sultan Ġosija li sar dan l-Għid f'ġieħ il-Mulej
f'Ġerusalemm.

24U Ġosija qered ukoll lil dawk li kienu jsejħu l-erwieħ, u l-bassara, u t-terafim u
l-idoli u l-qżiżijiet kollha li kont tara f'art Ġuda u Ġerusalemm, biex iħares il-
kliem tal-liġi miktuba fil-ktieb li kien sab Ħilkija, il-qassis, fit-tempju tal-Mulej.

25U la qablu u lanqas qatt warajh ma kien hemm jew tfaċċa sultan li raġa' bħalu
għal għand il-Mulej b'qalbu kollha, u b'ruħu kollha, u b'ħiltu kollha, biex iħares
il-liġi ta' Mosè.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

[26]Imma l-Mulej ma raġax lura mis-saħna kbira ta' għadbu li biha saħan għal
Ġuda. Għax xegħel għadbu minħabba l-inkejja li biha kien inkieh Manassi.

[27]U għalhekk il-Mulej kien qal: "Jiena nwarrab lil Ġuda wkoll minn quddiemi,
bħalma warrabt lil Iżrael, u nwarrab lil din il-belt, lil Ġerusalemm li jien għażilt,
u t-tempju li jien għedt, fih ikun jgħammar ismi."

[28]U l-bqija tal-ġrajja ta' Ġosija, u kulma għamel huma miktuba fi Ktieb il-Ġrajja
tas-Slaten ta' Ġuda.

[29]Fi żmienu l-Fargħun Neko, sultan tal-Eġittu, tala' kontra s-sultan tal-Assirja fuq
ix-xmara tal-Ewfrat; u s-sultan Ġosija ħareġ iżommu f'Megiddu, imma l-Fargħun
qatlu malli rah.

[30]U l-qaddejja tiegħu ġarrewh mejjet minn Megiddu, u wassluh Ġerusalemm, u
difnuh f'qabru. U l-poplu tal-pajjiż ħadu lil Ġeħowaħaż bin Ġosija, u dilkuh u
għamluh sultan minflok missieru.

### Ġeħowaħaż sultan ta' Ġuda

[31]Ġeħowaħaż kellu tlieta u għoxrin sena meta beda jsaltan, u baqa' jsaltan tliet
xhur f'Ġerusalemm, u ommu kien jisimha Hamutal bint Ġeremija, minn Libna.

[32]U għamel il-ħażin f'għajnejn il-Mulej, bħalma kienu għamlu missirijietu.

[33]Il-Fargħun Neko rabtu bil-ktajjen f'Ribla fil-pajjiż ta' Hamat biex ma jsaltanx
f'Ġerusalemm, u għabba lill-pajjiż bil-piż ta' mitt talent fidda u talent deheb.

[34]U Neko għamel sultan lil Eljakim bin Ġosija flok Ġosija, missieru, u bidillu ismu
f'Ġeħojakim. U 'l Ġeħowaħaż qabdu u ħadu l-Eġittu, u dan miet hemmhekk.

[35]Ġeħojakim ħallas il-fidda u d-deheb lill-Fargħun, imma biex għamel dan kellu
jġiegħel lill-pajjiż iħallas skont ma kien ordna l-Fargħun, kull wieħed kemm kien
imissu, u hekk ġabar mingħand il-poplu l-fidda u d-deheb, biex iħallas lill-
Fargħun Neko.

### Ġeħojakim sultan ta' Ġuda

[36]Ġeħojakim kellu ħamsa u għoxrin sena meta beda jsaltan, u dam isaltan ħdax-
il sena f'Ġerusalemm; ommu kien jisimha Żebidda bint Pedaja, minn Rumah.

[37]U għamel il-ħażin f'għajnejn il-Mulej, kif kienu għamlu missirijietu.

## 2 Slaten 24

### L-ewwel invażjoni tal-Babiloniżi (605QK)

[1]Fi żmienu Nabukodonosor, sultan ta' Babilonja, tala' kontra tiegħu; u
Ġeħojakim dam taħt il-ħakma tiegħu għal tliet snin, imma mbagħad qam kontrih.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

2U l-Mulej bagħatlu l-eżerċti tal-Kaldin, u l-eżerċti ta’ Aram, u l-eżerċti ta’ Mowab, u l-eżerċti ta’ wlied Għammon, u bagħathom kontra l-art ta’ Ġuda biex jeqirduha skont ma kien tkellem il-Mulej permezz tal-qaddejja tiegħu, il-profeti.

3Dan seħħ kontra Ġuda b’ordni tal-Mulej, biex iwarrabhom minn quddiem wiċċu minħabba d-dnubiet kollha li kien għamel Manassi.

4U minħabba d-demm bla ħtija li kien xerred; għax kien mela Ġerusalemm b’demm bla ħtija. Il-Mulej ma riedx jaħfer.

5U l-bqija tal-ġrajja ta’ Ġeħojakim u kulma għamel huma miktuba fi Ktieb il-Ġrajja tas-Slaten ta’ Ġuda.

6U Ġeħojakim strieħ ma’ missirijietu; u beda jsaltan floku Ġeħojakin, ibnu.

7U s-sultan tal-Eġittu ma ħariġx aktar mill-art tal-Eġittu, għaliex is-sultan ta’ Babilonja ħa f’idejh kulma kellu s-sultan tal-Eġittu, mix-xmara tal-Eġittu sax-xmara tal-Ewfrat.

### Ġeħojakin sultan ta’ Ġuda

8Ġeħojakin kellu tmintax-il sena meta sar sultan, u dam isaltan tliet xhur f’Ġerusalemm; ommu kien jisimha Neħusta bint Elnatan, minn Ġerusalemm.

9Huwa għamel il-ħażin quddiem il-Mulej, bħal dak kollu li għamel missieru.

### It-tieni invażjoni tal-Babiloniżi

10F’dik il-ħabta l-qaddejja ta’ Nabukodonosor, sultan ta’ Babilonja, telgħu għal Ġerusalemm, u l-belt għalquha f’assedju.

11Nabukodonosor resaq huwa wkoll għall-belt, waqt li l-qaddejja tiegħu kienu qegħdin idawruha minn kullimkien.

12Imbagħad Ġeħojakin, sultan ta’ Ġuda, mar quddiem is-sultan ta’ Babilonja, hu, ommu, il-qaddejja tiegħu, u l-kbarat u l-fizzjali tiegħu; u s-sultan ta’ Babilonja qabdu priġunier fit-tmien sena tas-saltna tiegħu.

13Dan ġarr minn hemm it-teżori kollha tat-tempju tal-Mulej u t-teżori tal-palazz tas-sultan, u farrak it-tagħmir kollu tad-deheb li Salamun, sultan ta’ Iżrael, kien għamel fit-tempju tal-Mulej; hekk seħħet il-kelma tal-Mulej.

14U ġarr fil-jasar lil Ġerusalemm kollha, il-kapijiet u l-qalbenin kollha tal-eżerċtu, għaxart elef ilsir, u l-ħaddieda u l-mastrudaxxi kollha; min-nies tal-pajjiż ma kienx fadal ħlief il-fqar.

15U ġarr fil-jasar f’Babilonja lil Ġeħojakin, lil omm is-sultan, in-nisa tas-sultan, il-fizzjali tiegħu u l-kbarat tal-pajjiż; ħadhom fl-eżilju minn Ġerusalemm f’Babilonja.


© 2020 Malta Bible Society.

[16]Is-suldati kollha, sebat elef raġel; u l-ħaddieda u l-mastrudaxxi kollha, elf ruħ; u l-qalbenin kollha tajbin għall-gwerra; ilkoll ġarrhom is-sultan ta' Babilonja fl-eżilju ta' Babilonja.

[17]Minflok Ġeħojakin, is-sultan ta' Babilonja għamel sultan lil Mattanija, zijuh, u bidillu ismu f'Sedekija.

### Sedekija l-aħħar sultan ta' Ġuda

[18]Sedekija kellu wieħed u għoxrin sena meta beda jsaltan, u dam isaltan ħdax-il sena f'Ġerusalemm, u ommu kien jisimha Hamutal bint Ġeremija, minn Libna.

[19]U għamel il-ħażin f'għajnejn il-Mulej bħal kulma kien għamel Ġeħojakim.

[20]Dan ġara minħabba l-korla tal-Mulej kontra Ġerusalemm u Ġuda, sa ma warrabhom minn quddiem wiċċu. U Sedekija qam kontra s-sultan ta' Babilonjia.

## 2 Slaten 25

### Il-qerda ta' Ġerusalemm u l-eżilju ta' Ġuda

[1]Fid-disa' sena tas-sultan ta' Sedekija fl-għaxar xahar, fl-għaxra tax-xahar, Nabukodonosor, sultan ta' Babilonja, tala' għal Ġerusalemm, hu u l-eżerċtu tiegħu kollu, waqqaf il-kamp quddiemha, u tella' ħajt dawramejt magħha.

[2]U l-belt damet magħluqa f'assedju sal-ħdax-il sena tas-sultan Sedekija.

[3]Fir-raba' xahar, fid-disgħa tax-xahar, meta l-ġuħ kien qabad jaħkem sewwa fuq il-belt, u ma kienx hemm aktar ħobż għan-nies tal-pajjiż,

[4]infetħet tiċrita fis-swar tal-belt, u s-sultan, bis-suldati kollha miegħu, ħarab billejl billi għadda mill-bieb ta' bejn iż-żewġ ħitan li kien jagħti għall-ġnien tas-sultan; u, waqt li l-Kaldin kienu jdawru l-belt minn kull naħa, hu qabad it-triq tal-Għaraba.

[5]Is-suldati Kaldin telqulha għal wara s-sultan, u qabduh fil-wita ta' Ġeriko, fejn l-eżerċtu kollu tiegħu tferrex 'il bogħod minnu.

[6]Is-sultan qabduh u ħaduh f'Ribla għand is-sultan ta' Babilonja, u dan qatagħlu s-sentenza.

[7]Lil ulied Sedekija qatilhom quddiemu stess, u lil Sedekija għamieh, rabtu bil-ktajjen u ħadu Babilonja.

[8]Fil-ħames xahar, fis-sebgħa tax-xahar - kienet id-dsatax-il sena tas-sultan Nabukodonosor, sultan ta' Babilonja - Nebużaradan, kmandant tal-għases, fizzjal tas-sultan ta' Babilonja, daħal Ġerusalemm.

[9]Ħaraq it-tempju tal-Mulej, u l-palazz tas-sultan, u d-djar kollha kbar ta' Ġerusalemm.


© 2020 Malta Bible Society.

10U s-suldati kollha tal-Kaldin, li kienu mal-kmandant tal-għases, ġarrfu s-swar ta’ madwar Ġerusalemm.

11U kull min kien fadal mill-poplu li kienu baqgħu fil-belt, u dawk li kienu ċedew u għaddew għal mas-sultan ta’ Babilonja, u l-bqija kollha tan-nies, Nebużaradan, il-kmandant tal-għases, ħadhom fl-eżilju.

12Il-kmandant tal-għases ħalla ’l xi wħud minn fost il-fqar tal-pajjiż biex jaħdmu l-oqsma tad-dwieli u r-raba’.

13U l-Kaldin kissru l-kolonni tal-bronż li kien hemm fit-tempju tal-Mulej, u l-imqagħad u l-vaska tal-bronż li kienet fit-tempju tal-Mulej, u ġarrew il-bronż tagħhom lejn Babilonja.

14U ħadu l-borom, u l-pwali u l-imqassijiet, u l-bwieqi, u t-tagħmir kollu tal-bronż li kienu jinqdew bihom fit-tempju,

15u ċ-ċnieser u t-twaġen. U l-kmandant tal-għases ħa l-ħwejjeġ tad-deheb b’deheb, u l-ħwejjeġ tal-fidda b’fidda.

16U ż-żewġ kolonni, u l-vaska l-waħda, u l-imqagħad li kien għamel Salamun għat-tempju tal-Mulej, il-bronż tagħhom ma kontx tiżnu.

17Kolonna waħda kienet tmintax-il driegħ għolja, u kellha fuqha kapitell tal-bronż, li kien għoli ħamest idriegħ; u l-kapitell kien hemm girlanda u rummien madwaru, kollox tal-bronż; u l-kolonna l-oħra bil-girlanda kienet l-istess.

18U l-kmandant tal-għases ħa wkoll lil Xeraja, il-qassis il-kbir, u lil Sefonija, il-qassis ta’ warajh, u tliet għassiesa tal-bieb.

19U mill-belt ħa wieħed uffiċjal, li kien jieħu ħsieb in-nies tal-gwerra, u ħamest irġiel li kienu midħla tas-sultan li kienu jinsabu l-belt, u s-segretarju tal-kmandant tal-eżerċtu li kien jikteb in-nies tal-pajjiż fl-eżerċtu, u sittin raġel tal-pajjiż, li kienu nstabu fil-belt mill-poplu.

20Lil dawn ilkoll Nebużaradan, il-kmandant tal-għases, ħadhom u ġiebhom għand is-sultan ta’ Babilonja f’Ribla.

21U s-sultan ta’ Babilonja darabhom, u qatilhom f’Ribla fl-art ta’ Hamat. Hekk Ġuda kien itturufnat ’il bogħod minn artu.

### Gedalija gvernatur ta’ Ġuda

22Il-poplu li baqa’ f’art Ġuda, li kien ħalla Nabukodonosor, sultan ta’ Babilonja, għamlilhom fuqhom gvernatur lil Gedalija bin Aħikam, bin Safan.

23Il-fizzjali tal-eżerċtu semgħu, huma u n-nies tagħhom, li s-sultan ta’ Babilonja qiegħed lil Gedalija gvernatur, u ġew għand Gedalija f’Misfa: Ismagħel bin Netanija, Ġoħanan bin Kareja, Xeraja bin Tanħumet minn Netufa, Ġeżanija bin wieħed Magħkti, huma u n-nies tagħhom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

24U Gedalija ħalfilhom, lilhom u n-nies tagħhom, u qalilhom: "La tibżgħux mill-
qaddejja tal-Kaldin; oqogħdu fil-pajjiż; u servu lis-sultan ta' Babilonja, u
jkollkom ir-risq."

25Imma fis-seba' xahar ġie Ismagħel bin Netanija, bin Elisama, minn nisel is-
sultan, b'għaxart irġiel miegħu, u darbu lil Gedalija u dan miet, hu u l-Lhud, u l-
Kaldin li kienu miegħu f'Misfa.

26U l-poplu kollu, mill-kbir saż-żgħir, u l-fizzjali tal-eżerċtu qabdu u rħewlha lejn
l-Eġittu għax beżgħu mill-Kaldin.

### Is-sultan Ġeħojakin f'Babilonja

27U ġara li fis-sena sebgħa u tletin tal-eżilju ta' Ġeħojakin, sultan ta' Ġuda, fit-
tnax-il xahar, fis-sebgħa u għoxrin tax-xahar, Ewilmerodak, is-sultan ta'
Babilonja, fis-sena li laħaq sultan, rafa' ras is-sultan Ġeħojakin u ħarġu mill-ħabs.

28U beda jkellmu bil-ħlewwa u qegħedlu t-tron 'il fuq mit-tronijiet tas-slaten l-
oħra, li kienu miegħu f'Babilonja.

29B'hekk Ġeħojakin seta' jbiddel ħwejġu li kellu fil-ħabs, u beda jiekol kuljum
miegħu tul għomru kollu.

30U l-ikel tiegħu ta' kuljum kien jingħatalu mingħand is-sultan, is-sehem ta'
kuljum f'jiemu, tul il-jiem kollha ta' ħajtu.


© 2020 Malta Bible Society.

# 1 Kronaki

## 1 Kronaki 1

### Minn Adam sa Abraham

1Adam, Seth, Enos,

2Kenan, Maħlalel, Ġared;

3Henok, Matusala, Lamek,

4Noè, Sem, Ham u Ġafet.

5Ulied Ġafet: Gomer, Magog, Madaj, Ġawan, Tubal, Mesek, u Tiras.

6Ulied Gomer: Askenaż, Rifat, u Togarma.

7Ulied Ġawan: Elisa u Tarsis, Kittin u Rodanin.

8Ulied Ham: Kus u Misrajm, Put u Kangħan.

9Ulied Kus: Seba, Hawila, Sabta, Ragħma, u Sabteka. Ulied Ragħma: Seba u Dedan.

10U Kus wiled lil Nimrod; dan kien l-ewwel bniedem setgħani fl-art.

11Misrajm wiled lil-Ludin, l-Għanamin, u l-Leħabin, u n-Naftuħin,

12u l-Patrusin, u l-Kasluħin (mnejn ġew il-Filistin), u l-Kaftorin.

13Kangħan wiled lil Sidon, il-kbir tiegħu, u ’l Het

14u l-Ġebusin, u l-Amurrin, u l-Girgasin,

15il-Hiwwin, u l-Għarakin u s-Sinin,

16u l-Arwadin, u s-Semarin, u l-Hamatin.

17Ulied Sem: Għelam, Assur, Arfaksad, Lud, Aram, Għus, Hul, Ġeter, u Mesek.

18Arfaksad wiled lil Selaħ, u Selaħ wiled lil Għeber.

19Lil Għeber twildulu żewġ ulied: wieħed kien jismu Peleg, għax fi żmienu tqassmet l-art, u ħuh kien jismu Ġoktan.

20Ġoktan wiled lil Almodad, lil Selef, lil Hasarmawt, lil Ġeraħ,

21u lil Hadoram, lil Użal, lil Dikla,

22lil Għebal, lil Abimajel, lil Seba,

23lil Ofir, lil Hawila, u lil Ġobab; dawn kollha ulied Ġoktan.

24Sem, Arfaksad, Selaħ,


© 2020 Malta Bible Society.

25Għeber, Peleg, Regħu,

26Xerug, Naħor, Teraħ,

27Abram, li hu Abraham.

### Minn Abraham sa Ġakobb

28Ulied Abraham: Iżakk u Ismagħel.

29Dan hu nisilhom: Nebajot, il-kbir ta' Ismagħel, Kedar, Adbel, Mibsam,

30Misma, Duma, Massa, Hadad, Tema,

31Ġetur, Nafis, Kedma. Dawn huma wlied Ismagħel.

32Ulied Ketura, il-konkubina ta' Abraham: wildet lil Żimran, Ġoksan, Medan,
Midjan, Isbak, u Suwaħ. Ulied Ġoksan: Seba u Dedan.

33Ulied Midjan: Għefa, Għefer, Henok, Abida u Eldagħa. Dawn kollha wlied
Ketura.

34U Abraham wiled lil Iżakk. Ulied Iżakk: Għesaw u Iżrael.

35Ulied Għesaw: Elifaż, Regħwel, Ġegħus, Ġagħlam, u Koraħ.

36Ulied Elifaż: Teman, Omar, Sefi, Ġagħtam, Kenaż, Timna u Għamalek.

37Ulied Regħwel: Naħat, Żeraħ, Samma u Miżża.

38Ulied Xegħir: Lotan, Sobal, Sibgħon, Għana, Dison, Għeser u Disan.

39Ulied Lotan: Hori u Homam; oħt Lotan: Timna.

40Ulied Sobal: Għalijan, Manaħat, Għebal, Sefi u Onam. Ulied Sibgħon: Ajja u
Għana.

41Ulied Għana: Dison. Ulied Dison: Hamran, Esban, Itran, u Keran.

42Ulied Għeser: Bilħan, Żagħwan, Ġagħkan. Ulied Disan: Għus u Aran.

### Is-slaten ta' Edom

43U dawn huma s-slaten li saltnu fl-art ta' Edom qabel ma beda jsaltan sultan fuq
ulied Iżrael: Bela bin Begħor; il-belt tiegħu kien jisimha Dinħaba.

44U miet Bela, u warajh saltan Ġobab bin Żeraħ minn Bosra.

45Meta miet Ġobab, beda jsaltan floku Husam, mill-art tat-Temanin.

46Meta miet Husam, laħaq sultan floku Hadad bin Bedad, li kisser lil Midjan fir-
raba' ta' Mowab, u l-belt tiegħu kien jisimha Għawit.

47Hadad miet, u floku beda jsaltan Xamla minn Masreka.

48U meta miet Xamla, laħaq sultan floku Sawl minn Reħobot tax-Xmara.


© 2020 Malta Bible Society.

49U wara l-mewt ta’ Sawl beda jsaltan floku Bagħal-ħanan bin Għakbor.

50U meta miet Bagħal-ħanan beda jsaltan floku Hadad, u l-belt tiegħu kien jisimha Pagħi; u martu kien jisimha Meħetabel bint Matred, bint Miżaħab.

51Wara li miet Hadad, dawn kienu l-kapijiet ta’ Edom; il-kap Timna, il-kap Għalwa, il-kap Ġetet,

52il-kap Oħolibama, il-kap Ela, il-kap Pinon,

53il-kap Kenaż, il-kap Teman, il-kap Mibsar,

54il-kap Magdijel, il-kap Għiram. Dawn huma l-kapijiet ta’ Edom.

## 1 Kronaki 2

### Minn Iżrael sa David

1Dawn kienu wlied Iżrael: Ruben, Simgħon, Levi, Ġuda, Issakar, Żebulun,

2Dan, Ġużeppi, Benjamin, Naftali, Gad u Aser.

3Ulied Ġuda: Għer, Onan u Sela, it-tlieta twildulu minn bint Sugħa, il-Kangħanija; u Għer, il-kbir ta’ Ġuda, kien ħażin f’għajnejn il-Mulej, u dan qatlu.

4U Tamar, mart ibnu, wilditlu lil Pereż u ’l Żeraħ; u hekk ulied Ġuda kienu ħamsa kollox.

5Ulied Pereż kienu: Hesron u Hamul.

6Ulied Żeraħ: Żimri, Etan, Heman, Kalkol u Darda: ħamsa kollox.

7Ulied Karmi kienu: Għakar, li ġieb l-inkwiet f’Iżrael għax dineb fi ħwejjeġ mogħtija għall-qerda.

8Wild Etan: Għażarija ...

9L-ulied li twieldu lil Hesron: Ġeraħmijel, Ram, Kelubaj.

10Ram wiled ’l Għamminadab; Għamminadab wiled lil Naħson, prinċep fost ulied Ġuda;

11u Naħson wiled lil Xalman; Xalman wiled lil Bogħaż;

12Bogħaż wiled lil Għobed; Għobed wiled lil Ġesse;

13Ġesse wiled lil Elijab, il-kbir tiegħu; lil Abinabad, it-tieni; lil Simgħa, it-tielet;

14lil Natanjel, ir-raba’; lil Raddaj, il-ħames;

15lil Osem, is-sitta; lil David, is-seba’.

16U ħuthom bniet kienu: Seruja u Abigajl. Ulied Seruja kienu: Abisaj, Ġowab u Għaxajel, tlieta kollox.


© 2020 Malta Bible Society.

17Abigajl wildet lil Għamaxa; missier Għamaxa kien Ġeter, l-Ismagħeli.

18U Kaleb bin Hesron wiled minn martu Għażuba lil Ġerigħot; u dawn kienu
wliedha: Ġeser, Sobab, u Ardon.

19U mietet Għażuba u Kaleb ħa b'martu lil Efrat, u din wilditlu lil Hur.

20U Hur wiled lil Uri, u Uri wiled lil Besalel.

21U wara dan Hesron resaq lejn bint Makir, missier Gilgħad; iżżewwiġha meta
kellu sittin sena u wilditlu lil Xegub.

22U Xegub wiled lil Ġajir, u dan kellu tlieta u għoxrin belt f'Gilgħad.

23Imma Gesur u Aram ħadulhom minn taħt idejhom lil Hawwot-ġajjir, Kenat u l-
ibliet tagħha: sittin belt. Dawn kollha kienu wlied Makir, missier Gilgħad.

24U meta miet Hesron, Kaleb resaq lejn Efrat, mart Hesron missieru, u wilditlu
lil Asħur, missier Tekugħa.

25Ulied Ġeraħmijel, il-kbir ta' Hesron: Ram, il-kbir; Buna, Oren, Osem, u Aħija.

26Ġeraħmijel kellu mara oħra jisimha Għatara, li kienet omm Onam.

27Ulied Ram, il-kbir ta' Ġeraħmijel, kienu: Magħas, Ġamin, Għeker.

28U wlied Onam kienu: Sammaj u Ġada; u wlied Sammaj kienu: Nadab u Abisur.

29U l-mara ta' Abisur kien jisimha Abiħajil, u wilditlu lil Aħban, u lil Molid.

30U wlied Nadab: Seled u Affajim. Seled miet bla tfal.

31U wlied Affajim: Isgħi. Ulied Isgħi: Sesan. Ulied Sesan: Aħlaj.

32U wlied Ġada, ħu Sammaj: Ġeter u Ġonatan; u Ġeter miet bla tfal.

33U wlied Ġonatan: Pelet u Żaża. Dawn kienu wlied Ġeraħmijel.

34Sesan ma kellux subien, imma bniet biss. Sesan kellu lsir Eġizzjan li kienu jismu
Ġarħa.

35U Sesan ta lil Ġarħa, l-ilsir tiegħu, lil bintu b'martu, u wilditlu lil Għattaj.

36U Għattaj wiled lil Natan, u Natan wiled lil Żabad.

37U Żabad wiled lil Eflal; u Eflal wiled lil Għobed.

38U Għobed wiled lil Ġeħu, u Ġeħu wiled lil Għażarija.

39U Għażarija wiled lil Heles, u Heles wiled lil Elgħaxa.

40U Elgħaxa wiled lil Sismaj, u Sismaj wiled lil Sallum.

41U Sallum wiled lil Ġekamija, u Ġekamija wiled lil Elisama.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

42 U wlied Kaleb, ħu Ġeraħmijel: Maresa, il-kbir tiegħu, li kien missier Żif. U wlied Maresa, missier Hebron.

43 Ulied Hebron kienu: Koraħ u Taffuħa, Rekem u Sema.

44 Sema wiled lil Raħam, missier Ġorkegħam; u Rekem wiled lil Sammaj.

45 U bin Sammaj: Magħon; u Magħon kien missier Betsur.

46 U Għefa, konkubina ta' Kaleb, wildet lil Haran, u lil Mosa, u lil Gażeż; u Haran wiled lil Gażeż.

47 U wlied Ġaħdaj: Regem, Ġotam, Gesan, Pelet, Għefa u Sagħaf.

48 Magħka, konkubina ta' Kaleb, wildet lil Seber u lil Tirħana,

49 u wildet ukoll lil Sagħaf, missier Madmanna; lil Sewa, missier Makbena; u lil missier Gibgħa; u bint Kaleb kienet Għaksa.

50 Dawn kienu wlied Kaleb. Ulied Hur, il-kbir ta' Efrata: Sobal, missier Kirjat-ġegħarim;

51 Salma, missier Betlehem; Haref, missier Bet-gader.

52 U wlied Sobal, missier Kirjat-ġegħarim, kienu: Harwe, nofs il-Manaħtin.

53 U l-familji ta' Kirjat-ġegħarim, kienu: il-Ġetrin, il-Putin u s-Sumatin, u l-Misragħin. Minn dawn ħarġu s-Sorgħatin u l-Estawlin.

54 Ulied Xalmon: Betlehem u Netufin, Għatrot-bet-ġowab, u nofs il-Manaħtin, u s-Sorgħin.

55 U l-familji ta' Soferim li kienu jgħammru f'Ġabes: Tirgħatin, Simgħatin u Sukatin. Dawn kienu l-Kenin, li tnisslu minn Hamat, missier id-dar ta' Rekab.

# 1 Kronaki 3

### Il-familja ta' David

1 U dawn kienu wlied David li twildulu f'Hebron: il-kbir Amnon minn Aħinogħam, il-Ġeżragħelija; it-tieni, Danjel minn Abigajl, il-Karmelija;

2 it-tielet, Absalom bin Magħka, bint Talmaj, sultan ta' Gesur; ir-raba', Adonija bin Haggit;

3 il-ħames, Sefatija minn Abital; is-sitta, Itrigħam minn Għegla martu.

4 Sitta tweldulu f'Hebron, fejn saltan għal seba' snin u sitt xhur. U tlieta u tletin sena saltan f'Ġerusalemm.

5 U dawn tweldulu f'Ġerusalemm: Simgħa, Sobab, Natan u Salamun, erbgħa minn Batsugħa, bint Għammijel.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

6U Ibħar, Elisama, u Elifelet,

7Noga, Nefeg, Ġafigħa,

8Elisama, Eljada, u Elifelet, disgħa kollox.

9Dawn kienu l-ulied kollha ta’ David, minbarra l-ulied tal-konkubini, u Tamar
oħthom.

10U wlied Salamun kienu: Reħobogħam; Abija, ibnu; Asa, ibnu; Ġosafat, ibnu;

11Ġoram, ibnu; Aħażija, ibnu; Ġowas, ibnu;

12Amasija, ibnu; Għażarija, ibnu; Ġotam, ibnu;

13Aħaż, ibnu; Ħeżekija, ibnu; Manassi, ibnu;

14Amon, ibnu; Ġosija, ibnu.

15U wlied Ġosija kienu: il-kbir, Ġoħanan; it-tieni, Ġeħojakim; it-tielet, Sedekija;
ir-raba’ Sallum.

16U wlied Ġeħojakim kienu: Ġekonija, ibnu; Sedekija, ibnu.

17U wlied Ġekonija, l-ilsir, kienu: Saltijel, ibnu;

18u Malkiram, Pedaja, Senassar, Ġekamija, Ħosama u Nedabija.

19U wlied Pedaja: Żerubbabel u Simgħi. U wlied Żerubbabel kienu: Mesullam,
Ħananija, u Selomit oħthom;

20Ħasuba, Oħel, Berekija, Ħasadija, Ġusab-ħesed, ħamsa kollox.

21Ulied Ħananija: Pelatija u Ġesagħija, ibnu; Refaja, ibnu; Arnan, ibnu; Għobadija,
ibnu; Sekanija, ibnu.

22U wlied Sekanija kienu: Semajja, u wlied Semajja kienu: Ħattus, Igal, Barijaħ,
Nagħrija u Safat, sitta kollox.

23U wlied Nagħrija: Elijugħenaj, Ħiżkija, u Għażrikam, tlieta kollox.

24U wlied Elijugħenaj kienu: Hodawija, Eljasib, Pelaja, Għakkub, Ġoħanan, Delaja,
u Għanani, sebgħa kollox.

## 1 Kronaki 4

### Il-familja ta’ Ġuda

1U wlied Ġuda kienu: Pereż, Ħesron, Karmi, Ħur u Sobal.

2Raja bin Sobal wiled lil Ġaħat; u Ġaħat wiled lil Aħumaj u lil Laħad. Dawn huma
l-familji tas-Sorgħatin.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[3]Dawn huma wlied Għetam: Ġeżragħel, Isma, Idbas; u oħthom kien jisimha Haslelfoni.

[4]Penuwel kien missier Gedorh, u Għeżer kien missier Husa. Dawn kienu wlied Hur: il-kbir ta' Efrata, missier Betlehem.

[5]U Asħur, missier Tekugħa, kellu żewġ nisa: Hela u Nagħra.

[6]U Nagħra wilditlu lil Aħużżam, u lil Hefer, u lil Temeni, u lil Haħastari. Dawn kienu wlied Nagħra.

[7]U wlied Hela: Seret, Isħar, u Etnan.

[8]U Kas wiled lil Għanub, lil Sobeba u l-familji ta' Aħarħel, iben Harum.

[9]U Ġagħbes kien imweġġaħ aktar minn ħutu; ommu semmietu Ġagħbes, għax, qalet, fl-uġigħ wilidtu.

[10]Ġagħbes sejjaħ lil Alla ta' Iżrael u qal: "Li kont tberikni u twessa' l-fruntieri tal-art tiegħi, u tkun idek miegħi u żżommni 'l bogħod mill-ħsara, li ma tilħaqnix." U Alla tah li talab.

[11]U Kelub, ħu Suħa, wiled lil Meħir, li kien missier Estun.

[12]U Estun wiled lil Betrafa, lil Paseħa, u lil Teħinna, missier Għir-naħas. Dawn kienu l-irġiel ta' Reka.

[13]U wlied Kenaż: Għotnijel u Seraja. U wlied Għotnijel: Hatat u Megħonotaj.

[14]Megħonotaj wiled lil Għofra; u Seraja wiled lil Ġowab, missier il-Geħarasim, għax kienu nies tas-sengħa.

[15]U wlied Kaleb bin Ġefunni: Għir, u Ela, u Nagħam; u wlied Ela: Kenaż.

[16]U wlied Ġeħallelijel: Żif, Żifa, Tirija, Axarel.

[17]aU wlied Għeżra: Ġeter, Mered, Għefer u Ġalon.

[18]bU dawn kienu wlied Bitija bint il-Fargħun, li kien iżżewwigħa Mered.

[17]bU hi tqalet u wildet lil Mirjam, lil Sammaj u lil Isba, missier Estemogħa.

[18]aU martu, il-Lhudija, wildet lil Ġered, missier Gedor; Heber, missier Xoku; u Ġekutijel, missier Żanuħa.

[19]U wlied il-mara ta' Hodija, oħt Naħam, kienu missier Kegħila, il-Garmi, u missier Estemogħa, il-Magħkati.

[20]U wlied Simon kienu: Amnon u Rinna, Benħanan, u Tilon. U wlied Isgħi: Żoħet u Benżoħet.

[21]Ulied Sela bin Ġuda: Għer, missier Leka; u Lagħda, missier Maresa, u l-familji tal-ħaddiema tal-għażel, u l-familji ta' Betasbigħa;


© 2020 Malta Bible Society.

22u Ġokim u l-irġiel ta’ Kożeba, u Ġowas u Xaraf, li ħakmu fuq Mowab u reġgħu
lura lejn Leħem - dawn tifkiriet qodma.

23Dawn kienu l-fuħħarin li kienu joqogħdu f’Netagħim u Gedera, u għammru
hemm għand is-sultan biex jaħdmulu.

### Il-familja ta’ Simgħon

24Ulied Simgħon kienu: Nemwel, Ġamin, Ġarib, Żeraħ, u Sawl.

25Sallum, ibnu; Mibsam, ibnu; Misma, ibnu.

26U wlied Misma kienu: Hammuwel, ibnu; Żakkur, ibnu; Simgħi, ibnu;

27U Simgħi kellu sittax-il tifel u sitt ibniet. Hutu ma kellhomx ħafna tfal, u l-familji
tagħhom ħadd minnhom ma kotor daqs dawk ta’ wlied Ġuda.

28Għammru f’Birsaba, Molada, Hasar-sugħal;

29u f’Bilħa, f’Għesem, f’Tolad,

30f’Betwel, f’Horma, f’Siklag,

31f’Bet-markabot, f’Hasarsusim, f’Bet-biri u f’Sagħarajm. Dawn kienu bliethom
sakemm kien isaltan David,

32bl-irħula tagħhom: Għetam, Għajn, Rimmon, Token, u Għasan; ħamest ibliet
kollox

33bl-irħula tagħhom kollha li kienu madwar dawn l-ibliet sa Bagħal. Dawn huma
l-għamajjar tagħhom, u ktieb in-nisel tagħhom.

34U Mesobab, Ġamlek, Ġosa bin Amasija;

35Ġoel, Ġeħu bin Ġosibija, bin Xerajja, bin Għaxjel,

36Elijugħenaj, Ġagħkoba, Ġesoħaja, Għasajja, Għadijel, Geximjel, Benajja.

37U Żiża bin Sifgħi, bin Allon, bin Ġedajja, bin Żimri, bin Semajja.

38Dawn li ġibniehom b’isimhom kienu prinċpijiet fil-familji tagħhom, u djar
missirijiethom kotru ħafna.

39Huma marru lejn id-daħla ta’ Gedor lejn il-Lvant tal-wied, ifittxu l-mergħa
għall-imrieħel tagħhom.

40U sabu mergħa bnina u tajba, u art wiesgħa, kwieta u mistrieħa, għax dawk li
kienu jgħammru fiha qabel kienu ġejjin minn Ham.

41Dawn, miktubin hawn b’isimhom, fi żmien Heżekija, sultan ta’ Ġuda, ġew u
qerdu t-tined tagħhom u lill-Megħunin, li kienu jinsabu hemm, u qerduhom kif
għadhom sa llum, u bdew jgħammru flokhom, għax kien hemm il-mergħa tajba
għall-imrieħel tagħhom.


© 2020 Malta Bible Society.

42 U xi wħud minnhom, minn ulied Simgħon, baqgħu sejrin sal-muntanja ta' Xegħir, ħames mitt raġel, b'kapijiet tagħhom: Pelatija, Nagħrija, Refaja u Għużżijel, ulied Isgħi.

43 U huma qerdu l-fdalijiet ta' Għamalek, u baqgħu jgħammru hemm sal-lum.

## 1 Kronaki 5

### Il-familja ta' Ruben

1 U wlied Ruben, il-kbir ta' Iżrael, (kien il-kbir, imma billi niġġes friex missieru, il-primoġenitura ngħatat lil ulied Ġużeppi bin Iżrael, għalhekk mhux imniżżel fl-arblu tar-razza bħala l-kbir.

2 Għalkemm Ġuda kien qawwi fost ħutu u minnu ħareġ prinċep, il-primoġenitura ħadha Ġużeppi);

3 ulied Ruben, il-kbir ta' Iżrael kienu: Ħanok, Pallu, Ħesron, u Karmi.

4 Ulied Ġoel: Semajja, ibnu; Gog, ibnu; Simgħi, ibnu;

5 Mika, ibnu; Raja, ibnu; Bagħal, ibnu;

6 Bera, ibnu, li Tiglat-pileser, sultan tal-Assirja, ħadu fl-eżilju, kien il-prinċep tar-Rubenin.

7 U ħutu skont il-familji tagħhom, kif inhuma miktubin fl-arblu tar-razza skont il-ġenerazzjonijiet tagħhom kienu: il-kap Ġegħijel, Żakkarija,

8 Bela bin Għażaż, bin Sema, bin Ġoel, li kien jgħammar f'Għarogħer, sa Nebu u Bagħal-megħon.

9 Kien jgħammar ukoll lejn il-Lvant sa dħul id-deżert lil hinn min-naħa tax-xmara tal-Ewfrat, għax l-imrieħel tagħhom kienu tkattru fl-art ta' Gilgħad.

10 U fi żmien Sawl ħabtu għall-Ħagrin, u dawn waqgħu f'idejhom; u għammru fit-tined tagħhom fuq in-naħa kollha tal-Lvant ta' Gilgħad.

### Il-familja ta' Gad

11 U wlied Gad kienu jgħammru biswithom fl-art ta' Basan sa Saleka:

12 Ġoel, l-ewwel; Safam, it-tieni; Ġagħnaj; u Safat f'Basan.

13 U ħuthom skont id-djar ta' missirijiethom kienu: Mikiel, Messullam, Seba, Ġoraj, Ġagħkan, Żigħa, Għeber - sebgħa kollox.

14 Dawn ulied Abiħajl bin Ħuri, bin Ġaruħa, bin Gilgħad, bin Mikiel, bin Ġesisaj, bin Ġaħdu, bin Buż;

15 Aħi bin Għabdijel, bin Guni, il-kap tad-djar ta' missirijiethom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

16U kienu jgħammru f'Gilgħad f'Basan, u fl-ibliet tagħha, u fil-mergħat kollha ta'
Saron sat-truf kollha tagħhom.

17Dawn kollha kienu magħduda u miktubin fi żmien Ġotam, sultan ta' Ġuda, u fi
żmien Ġerobogħam, sultan ta' Iżrael.

18Ulied Ruben u Gad, u nofs it-tribù ta' Manassi, irġiel ta' ħila, kellhom irġiel li
kienu jġorru t-tarka u x-xabla, jiġbdu l-qaws u mħarrġin fit-taqbid, erbgħa u
erbgħin elf, seba' mija u sittin ruħ lesti biex joħorġu għall-gwerra.

19U għamlu gwerra kontra l-Hagrin, u kontra Ġetur, Nafis, u Nodab;

20u huma kienu megħjunin kontrihom, u waqqgħu f'idejhom lill-Hagrin u lil
dawk kollha li kienu magħhom, għax huma sejħu lil Alla waqt il-ġlied u
semagħhom għax ittamaw fih.

21U ħadulhom l-imrieħel tagħhom: ħamsin elf ġemel, mitejn u ħamsin elf nagħġa,
elfejn ħmar, u mitt elf ruħ ħajjin.

22U ħafna waqgħu mejta għax il-gwerra kienet ġejja minn Alla, u baqgħu
jgħammru flokhom sal-eżilju.

### Nofs it-tribù ta' Manassi

23U wlied in-nofs tribù ta' Manassi kienu jgħammru fl-art li tieħu minn Basan sa
Bagħal-ħermon, Xenir, u l-muntanja tal-Hermon; u kienu ħafna.

24U dawn kienu l-kapijiet ta' djar missirijiethom: Għefer, Isgħi, Elijel, Għażrijel,
Ġeremija, Hodawija, u Ġaħdijel, nies qalbiena, nies imsemmija, kapijiet ta' djar
missirijiethom.

25Imma dinbu kontra Alla ta' missirijiethom, u żnew wara allat il-ġnus tal-pajjiż,
li Alla kien qered minn quddiemhom.

26Għalhekk Alla ta' Iżrael qanqal ir-ruħ ta' Pul, is-sultan tal-Assirja, jiġifieri r-ruħ
ta' Tiglat-pileser, is-sultan tal-Assirja, u eżiljahom: lir-Rubenin, lill-Gadin, u n-
nofs tribù ta' Manassi, u ħadhom f'Halaħ, Habor, Hara, u x-xmara ta' Gożan, fejn
għadhom hemm sal-lum.

### Il-familja ta' Levi

27Ulied Levi kienu: Gersun, Keħat, Merari.

28U wlied Keħat: Għamram, Isħar, Hebron u Għużżijel.

29U wlied Għamram: Aron, Mosè, u Mirjam. U wlied Aron: Nadab, Abiħu,
Elgħażar u Itamar.

30Elgħażar wiled lil Fineħas; Fineħas wiled lil Abisugħa,

31u Abisugħa wiled lil Bukki; u Bukki wiled lil Għużżi;


© 2020 Malta Bible Society.

32u Għużżi wiled lil Żeraħija; u Żeraħija wiled lil Merajot;

33Merajot wiled lil Amarija, u Amarija wiled lil Aħitub.

34Aħitub wiled lil Sadok, u Sadok wiled lil Aħimagħas.

35U Aħimagħas wiled lil Għażarija, u Għażarija wiled lil Ġoħanan.

36U Ġoħanan wiled lil Għażarija. Dan kien li kien iservi ta' qassis fit-tempju li kien
bena Salamun f'Ġerusalemm.

37Għażarija wiled lil Amarija, u Amarija wiled lil Aħitub.

38U Aħitub wiled lil Sadok; u Sadok wiled lil Sallum;

39u Sallum wiled lil Hilkija; u Hilkija wiled lil Għażarija.

40U Għażarija wiled lil Xeraja, u Xeraja wiled lil Ġeħosadak.

41U Ġeħosadak mar fl-eżilju meta l-Mulej eżilja lil Ġuda u 'l Ġerusalemm permezz
ta' Nabukodonosor.

## 1 Kronaki 6

1Ulied Levi kienu: Gersum, Keħat, u Merari.

2U dawn l-ismijiet ta' wlied Gersum: Libni u Simgħi.

3U wlied Keħat: Għamram, u Isħar, Ħebron u Għużżijel.

4Ulied Merari: Maħli u Musi. U dawn huma l-familjari tal-Leviti skont
missirijiethom:

5Minn Gersum: Libni, ibnu; Ġaħat, ibnu; Żimma, ibnu;

6Ġowaħ, ibnu; Għiddu, ibnu; Żeraħ, ibnu; Ġejteraj, ibnu.

7Ulied Keħat: Għamminadab, ibnu; Koraħ, ibnu; Assir, ibnu;

8Elkana, ibnu; Ebijasaf, ibnu; Assir, ibnu;

9Taħat, ibnu; Urijel, ibnu; Għużżija, ibnu; Sawl, ibnu.

10U wlied Elkana: Għamasaj u Aħimot;

11Elkana, ibnu; Sofaj, ibnu; Naħat, ibnu;

12Elijab, ibnu; Ġeroħam, ibnu; Elkana, ibnu.

13Ulied Samwel: Ġoel, il-kbir, u Abija, it-tieni.

14Ulied Merari: Maħli; Libni, ibnu; Simgħi, ibnu; Għużża, ibnu;

15Simgħa, ibnu; Ħaggija, ibnu; Għasaja, ibnu.


© 2020 Malta Bible Society.

16Dawn kienu n-nies li David kien ħatar għat-tmexxija tal-kant fit-tempju tal-Mulej, meta l-arka sabet postha.

17U kienu jservu bħala kantanti quddiem it-tabernaklu tat-tinda tal-laqgħa sa ma bena Salamun it-tempju tal-Mulej f'Ġerusalemm, u kienu jservu bl-ordni kif kien imisshom.

18Dawn huma n-nies u wliedhom li kienu jservu. Minn ulied il-Keħatin: Heman, il-kantant, bin Ġoel, bin Samwel,

19bin Elkana, bin Ġeroħam, bin Elijel, bin Towaħ,

20bin Suf, bin Elkana, bin Maħat, bin Għamasaj,

21bin Elkana, bin Ġoel, bin Għażarija, bin Sefanija,

22bin Taħat, bin Assir, bin Ebijasaf, bin Koraħ,

23bin Isħar, bin Keħat, bin Levi, bin Iżrael;

24u ħuh Asaf, li kien joqgħod fuq il-lemin tiegħu, jiġifieri, Asaf bin Berekija, bin Simgħi,

25bin Mikiel, bin Bagħasejja, bin Malkija,

26bin Etni, bin Żeraħ, bin Għadaja,

27bin Etan, bin Żimma, bin Simgħi,

28bin Ġaħat, bin Gersum, bin Levi;

29u wlied Merari, ħuthom, li kienu joqogħdu fuq ix-xellug; Etan bin Kis, bin Għabdi, bin Malluk,

30bin Hasabija, bin Amasija, bin Hilkija,

31bin Amsi, bin Bani, bin Semer,

32bin Maħli, bin Musi, bin Merari, bin Levi.

33U ħuthom il-Leviti kienu maħtura għas-servizz kollu tat-tabernaklu tat-tempju ta' Alla.

34U Aron u wliedu kienu joffru fuq l-artal tas-sagrifiċċju tal-ħruq, u fuq l-artal tal-inċens; huma wkoll kienu jieħdu ħsieb is-servizz kollu tal-post il-qaddis u jitolbu maħfra għal Iżrael skont kulma kien ordna Mosè, il-qaddej ta' Alla.

35U dawn kienu wlied Aron: Elgħażar, ibnu; Fineħas, ibnu; Abisugħa, ibnu;

36Bukki, ibnu; Għużżi, ibnu; Żeraħija, ibnu;

37Merajot, ibnu; Amarija, ibnu; Aħitub, ibnu;

38Sadok, ibnu; u Aħimagħas, ibnu.


© 2020 Malta Bible Society.

39U dawn huma l-għamajjar tagħhom skont il-limiti ta' sehemhom. Lil ulied Aron tal-familja tal-Keħatin, għax messithom l-ewwel xorti,

40tawhom Ħebron bil-mergħat ta' madwarha fl-art ta' Ġuda.

41Imma r-raba' tal-belt u l-irħula tagħha ngħataw lil Kaleb bin Ġefunni.

42U lil ulied Aron ingħataw Ħebron, belt tal-kenn, Libna bil-mergħat tagħha, Ġattir u Estemgħa bil-mergħat tagħhom,

43Ħilen bil-mergħat tagħha, Debir bil-mergħat tagħha,

44Għasan bil-mergħat tagħha, Betxemex bil-mergħat tagħha.

45U mit-tribù ta' Benjamin, Geba bil-mergħat tagħha, Għalemet bil-mergħat tagħha, Għanatot bil-mergħat tagħha - l-ibliet kollha tagħhom kienu tlittax bil-mergħat tagħhom.

46U lill-bqija ta' wlied Keħat, skont il-familji tagħhom, messhom bix-xorti għaxart ibliet mit-tribù ta' Efrajm, mit-tribù ta' Dan u minn nofs it-tribù ta' Manassi.

47U lil ulied Gersom skont il-familji tagħhom messhom bix-xorti tlittax-il belt mit-tribù ta' Issakar, ta' Aser, ta' Naftali u minn nofs it-tribù ta' Manassi f'Basan.

48U lil ulied Merari skont il-familji tagħhom messhom bix-xorti tnax-il belt mit-tribù ta' Ruben, ta' Gad, u ta' Żebulun.

49U wlied Iżrael taw dawn l-ibliet bil-mergħat tagħhom lil-Leviti;

50tawhomlhom bix-xorti mit-tribù ta' wlied Ġuda, u mit-tribù ta' wlied Simgħon, u mit-tribù ta' wlied Benjamin; dawn l-ibliet jissemmew b'isimhom.

51U l-familji ta' wlied Keħat kisbu bix-xorti bliet mit-tribù ta' Efrajm;

52u tawhom dawn l-ibliet tal-kenn: Sikem bil-mergħat tagħha fil-muntanji ta' Efrajm, Geżer bil-mergħat tagħha,

53Ġokmegħam bil-mergħat tagħha, Betħoron bil-mergħat tagħha,

54Ajjalon bil-mergħat tagħha, u Gat-rimmon bil-mergħat tagħha,

55u minn nofs it-tribù ta' Manassi, Għaner bil-mergħat tagħha, Bilgħam bil-mergħat tagħha għall-familji tal-bqija ta' wlied Keħat.

56U lil ulied Gersum tawhom minn nofs it-tribù ta' Manassi: Golan f'Basan bil-mergħat tagħha, u Għastarot bil-mergħat tagħha.

57U mit-tribù ta' Issakar: Kedes bil-mergħat tagħha, Dabrat bil-mergħat tagħha,

58u Ramot bil-mergħat tagħha, Għanem bil-mergħat tagħha.

59U mit-tribù ta' Aser: Masal bil-mergħat tagħha, Għabdon bil-mergħat tagħha;


© 2020 Malta Bible Society.

60Ħukok bil-mergħat tagħha, Reħob bil-mergħat tagħha.

61Mit-tribù ta' Naftali: Kedes fil-Galilija bil-mergħat tagħha, u Ħammon bil-
mergħat tagħha, u Kirjatajm bil-mergħat tagħha.

62U lill-bqija ta' wlied Merari tawhom mit-tribù ta' Żebulon: Rimmon bil-
mergħat tagħha, Tabor bil-mergħat tagħha;

63u 'l hemm mill-Ġordan, biswit Ġeriko, fuq in-naħa tal-Lvant tal-Ġordan, mit-
tribù ta' Ruben, tawhom: Beser fid-deżert bil-mergħat tagħha, Ġaħsa bil-
mergħat tagħha,

64Kedemot bil-mergħat tagħha, Mefagħat bil-mergħat tagħha.

65U mit-tribù ta' Gad: Ramot f'Gilgħad bil-mergħat tagħha, Maħanajm bil-
mergħat tagħha,

66Ħebson bil-mergħat tagħha u Ġagħżer bil-mergħat tagħha.

## 1 Kronaki 7

### Il-familja ta' Issakar

1U wlied Issakar kienu Tola, Puwa, Ġasub, Simron - erbgħa.

2U wlied Tola kienu: Għużżi, Refaja, Ġerijel, u Ġaħmaj, Ibsam, Samwel, kapijiet
ta' djar missirijiethom imnisslin minn Tola, nies qalbiena miktuba skont il-
ġenerazzjoni tagħhom. Fi żmien David kienu jgħoddu tnejn u għoxrin elf u sitt
mitt ruħ.

3U wlied Għużżi: Iżraħija, u wlied Iżraħija kienu: Mikiel, Għobadaja, Ġoel, Issija;
ħamsa, kollha kapijiet.

4U magħhom kien hemm, skont il-ġenerazzjoni ta' dar missirijiethom, qtajja' tal-
eżerċti mħarrġa għall-gwerra sitta u tletin elf, għax kellhom ħafna nisa u tfal.

5U ħuthom li kienu mill-familji ta' Issakar kienu jlaħħqu kollox sebgħa u tmenin
elf raġel, gwerriera qalbiena, miktubin skont il-familji tagħhom.

### Il-familja ta' Benjamin

6Ulied Benjamin kienu: Bela, Beker, Ġedigħajel - tlieta kollox.

7Ulied Bela: Esbon, Għużżi, Għużżijel, Ġerimot, Għiri - ħamsa, kapijiet ta' djar il-
missirijiet, gwerriera qalbiena, u, skont il-kitba tal-familji tagħhom, tnejn u
għoxrin elf u erbgħa u tletin.

8U wlied Beker: Żemira, Ġogħas, Eligħeżer, Elijugħenaj, Għomri, Ġeremot, Abija,
Għanatatot, u Għalemet, dawn kollha wlied Beker.


© 2020 Malta Bible Society.

9U l-għadd tal-miktubin, skont il-ġenerazzjoni tagħhom, bħala kapijiet tal-familji ta' missirijiethom, gwerriera qalbiena, kien għoxrin elf u mitejn ruħ.

10Wild Ġedigħajel: Bilħan. U wlied Bilħan: Ġegħus, Benjamin, Eħud, Kengħana, Żetan, Tarsis u Aħisaħar.

11Dawn kollha kienu wlied Ġedigħajel skont il-kapijiet tal-familji tad-djar ta' missirijiethom, gwerriera qalbiena, sbatax-il elf u mitejn ruħ, lesti biex joħorġu għall-gwerra.

12U Suffim u Ħuffim, ulied Għir; Ħusim, ulied Aħer.

### Il-familja ta' Naftali

13Ulied Naftali kienu: Ġaħsijel, Guni, Ġeser, Sallum, ulied Bilħa.

### Il-familja ta' Manassi

14Ulied Manassi kienu: Axrijel, li wilditlu l-konkubina l-Aramija; wildet ukoll lil Makir, missier Gilgħad.

15U Makir ħa nisa għal Ħuffim u għal Suffim. Waħda kien jisimha Magħka, u isem it-tieni kien Selofħad; Selofħad kellha bniet biss.

16U Magħka, il-mara ta' Makir, wildet iben u semmietu Peres, u ħuh kien jismu Seres, u wliedu kienu Ulam u Rakem.

17U wlied Ulam: Bedan. Dawn huma wlied Gilgħad bin Makir, bin Manassi.

18U oħtu Ħammoleket wildet lil Isħod, lil Abigħeżer u lil Maħla.

19U wlied Semida kienu Aħijan, Sikem, Likħi u Anigħam.

### Il-familja ta' Efrajm

20U wlied Efrajm: Setulaħ, Bered, ibnu; Taħat, ibnu; Elgħada, ibnu; Taħat, ibnu;

21Żabad, ibnu; Sutelaħ, ibnu; Għeżer u Elgħad; lil dawn qatlulhom in-nies ta' Gatt, li kienu twieldu fil-pajjiż, għax kienu niżlu jeħdulhom l-imrieħel.

22U Efrajm missierhom għamel il-vistu għal ħafna jiem, u ħutu ġew isabbruh.

23U resaq lejn martu, u din tqalet, u wildet iben, u semmieh Berigħa, għax kienet waqgħet il-ħsara fuq daru.

24Bintu kienet Sera, li bniet Betħoron, ta' isfel u ta' fuq, u Użżen-sera.

25Refaħ kien ibnu, u Resef ibnu, u Telaħ ibnu, u Taħan ibnu,

26Lagħdan ibnu, Għammiħud ibnu, Elisama ibnu,

27Nun ibnu, Ġożwè ibnu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

28L-artijiet u l-għamajjar tagħhom kienu: Betel bl-irħula tagħha, Nagħran fuq il-Lvant, u Geżer bl-irħula tagħha, fuq il-Punent, u Sikem bl-irħula tagħha, u Għajja bl-irħula tagħha.

29U f'idejn ulied Manassi kienu: Betsan bl-irħula tagħha, Tagħnak bl-irħula tagħha, Megiddu bl-irħula tagħha, u Dor bl-irħula tagħha. F'dawn kienu jgħammru wlied Ġużeppi bin Iżrael.

### Il-familja ta' Aser

30Ulied Aser kienu: Imna, Iswa, Iswi, Berigħa, u oħthom Xeraħ.

31U wlied Berigħa: Heber, Malkijel, li kienu missier Birżajt.

32U Heber wiled lil Ġaflet, Somer, Hotam u Sugħa, oħthom.

33U wlied Ġaflet kienu: Pasak, Bimħal, Għaswat. Dawn kienu wlied Ġaflet.

34U wlied Semer, ħuh, kienu: Roħga, Ġeħubba u Aram.

35U wlied Helem, ħuh, kienu: Sofaħ, Imna, Seles u Għamal.

36Ulied Sofaħ: Suħa, Harnefer, Sugħal, Beri, Imraħ,

37Beser, Hod, Samma, Silsa, Itran, u Bera.

38U wlied Ġeter: Ġefunni, Pisfa u Ara.

39U wlied Għulla kienu: Araħ, Hannijel u Risja.

40Dawn kollha kienu wlied Aser, kapijiet ta' djar missirijiethom, nies magħżula, gwerriera qalbiena, kapijiet fost il-prinċpijiet. L-għadd tal-miktubin tagħhom fl-eżerċtu għall-gwerra kien ilaħħaq sitta u għoxrin elf ruħ.

## 1 Kronaki 8

### Il-familja ta' Benjamin

1U Benjamin wiled lil Bela, il-kbir tiegħu, Asbel it-tieni, Aħaraħ it-tielet,

2Noħa r-raba', Rafa l-ħames.

3U Bela kellu dawn l-ulied: Addar, Gera, Abiħud,

4Abisugħa, Nagħman, Aħuwaħ,

5Gera, Sefufan, u Huram.

6Dawn kienu wlied Eħud; kienu l-kapijiet ta' djar missirijiethom ta' dawk li kienu jgħammru f'Geba, u ttieħdu fl-eżilju f'Manaħat:

7Nagħman, Aħija, Gera, dak li kien ġagħalhom jitilqu, u wiled lil Għużża u lil Aħiħud.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

8 Saħarajm wiled fir-raba' ta' Mowab, wara li keċċa 'l barra lin-nisa tiegħu Husim
u Bagħra,

9 u wiled minn martu Hodes lil Ġobab, Sibja, Mesa, Malkam,

10 Ġegħus, Xakja, u Mirma. Dawn kienu wliedu, kapijiet ta' djar missirijiethom.

11 U minn Husim wiled lil Abitub u lil Elfagħal.

12 U wlied Elfagħal kienu: Għeber, Misgħam, Semed, li bena Onu u Lod bl-irħula
tagħha,

13 u Berigħa u Sema; dawn kienu l-kapijiet ta' djar missirijiethom, ta' dawk li
kienu jgħammru f'Ajjalon, li ħarrbu lil dawk li kienu jgħammru f'Gatt.

14 U Aħiju, Sasak, u Ġeremot,

15 Żebadija, Għarad, Għeder,

16 Mikiel, Isfa, u Ġoħa kienu wlied Berigħa.

17 U Żebadija u Mesullam, Hiżki, Heber,

18 Ismeraj, Iżlija, Ġobab kienu wlied Elfagħal.

19 Ġakim, Żikri, Żabdi,

20 Eligħenaj, Silletaj, Elijel,

21 Għadajja, Berajja u Simrat kienu wlied Simgħi.

22 Isfan, Għeber, u Elijel,

23 u Għabdon, Żikri, Hanan,

24 Hananija, Għelam, Għantotija,

25 Ifdija u Penuwel kienu wlied Sasak.

26 Samseraj, Seħarija, Għatalija,

27 Gagħresija, Elija u Żikri kienu wlied Ġeroħam.

28 Dawn kienu l-kapijiet ta' djar missirijiethom skont il-ġenerazzjonijiet
tagħhom. Dawn kienu l-kbarat li kienu jgħammru f'Ġerusalemm.

29 F'Gibgħon kien jgħammar missier Gibgħon, u martu kien jisimha Magħka.

30 Ibnu l-kbir kien Għabdon, u warajh kellu lil Żur, Kis, Bagħal, Nadab,

31 Gedor, Aħiju u Sakar.

32 U Miklot wiled lil Sima. Dawn ukoll kienu jgħammru ma' ħuthom biswithom
f'Ġerusalemm.


© 2020 Malta Bible Society.

33U Ner wiled lil Kis, u Kis wiled lil Sawl, u Sawl wiled lil Ġonatan, u lil Malkisugħa, u lil Abinadab u lil Isbagħal.

34U bin Ġonatan kien Merib-bagħal; u Merib-bagħal wiled lil Mika.

35U wlied Mika kienu: Piton u Melek, Tarigħa u Aħaż.

36U Aħaż wiled lil Ġeħogħadda, u Ġeħogħadda wiled lil Għalemet u lil Għażmawet, u lil Żimri. U Żimri wiled lil Mosa;

37u Mosa wiled lil Bingħa; Rafa kien ibnu, Elgħaxa ibnu, Asel ibnu.

38Asel kellu sitt subien, u dawn kien jisimhom: Għażrikam, ibnu l-kbir, Ismagħel, Segħarija, Għobadija u Hanan. Dawn kollha wlied Asel.

39U wlied Għesek, ħuh, kienu: Ulam il-kbir, Ġegħus it-tieni, u Elifelet it-tielet.

40Ulied Ulam kienu gwerriera qalbiena, irġiel imħarrġa fil-ġbid tal-qaws; kellhom ħafna wlied, u wlied l-ulied: mija u ħamsin. Dawn kollha minn ulied Benjamin.

## 1 Kronaki 9

### Il-familji li ġew lura minn Babilonja

1L-Iżraelin kollha kienu mniżżlin f'arbli tar-razza u miktubin fi Ktieb is-Slaten ta' Iżrael u ta' Ġuda meta kienu tturufnati f'Babilonja minħabba l-infedeltà tagħhom.

2L-ewwel li ġew jgħammru f'artijiethom u fi bliethom kienu: Iżrael, il-qassisin, il-Leviti u l-qaddejja tat-tempju.

3F'Ġerusalemm kienu jgħammru xi wħud minn ulied Ġuda, minn ulied Benjamin, u minn ulied Efrajm u Manassi:

4Għutaj bin Għammiħud, bin Għomri, bin Imri, bin Bani, minn ulied Pereż bin Ġuda.

5U mis-Selanin: Għasaja l-kbir, u wliedu.

6U minn ulied Żeraħ: Ġegħuwel u ħuthom, sitt mija u disgħin.

7U minn ulied Benjamin: Sallu bin Mesullam, bin Hodawija, bin Hassenuwa,

8u Ibneja bin Ġeroħam, Ela bin Għużżi, bin Mikri, u Mesullam bin Sefatija, bin Regħwel, bin Ibnija,

9u ħuthom, skont il-ġenerazzjonijiet tagħhom, disa' mija u sitta u ħamsin. Dawn kollha kienu kapijiet tal-familji ta' missirijiethom, skont id-djar ta' missirijiethom.

10Mill-qassisin kienu hemm: Ġedajja, Ġeħojarib, Ġakin,

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

11u Għażarija bin Hilkija, bin Mesullam, bin Sadok, bin Merajot, bin Aħitub, kap tat-tempju ta' Alla.

12U Għadajja bin Ġeroħam, bin Pasħur, bin Malkija, u Magħsaj bin Għadijel, bin Ġaħżera, bin Mesullam, bin Mesillemit, bin Immer.

13U ħuthom, kapijiet ta' djar missirijiethom, elf seba' mija u sittin, nies qalbiena u ta' ħila fis-servizz tad-dar ta' Alla.

14U mil-Leviti: Semajja bin Hassub, bin Għażrikam, bin Hasabija minn ulied Merari;

15u Bakbakkar, Heres, Galal, u Mattanija bin Mika, bin Żikri, bin Asaf.

16U Għobadija bin Semajja, bin Galal, bin Ġedutun, u Berekija bin Asa, bin Elkana, li kien jgħammar fl-irħula tan-Netufin.

17Il-purtinara kienu: Sallum, Għakkub, Talmon, Aħiman, u ħuthom - Sallum kien il-kap.

18Għadhom sal-lum f'bieb is-sultan, in-naħa tal-Lvant. Dawn kienu l-purtinara tal-kamp ta' wlied Levi.

19U Sallum bin Kore, Ebijasaf bin Koraħ, u ħutu mill-familja ta' missieru, il-Koraħin, kienu jieħdu ħsieb ix-xogħol ta' għassiesa tal-bieb tat-tinda, bħalma missirijiethom kienu l-għassiesa tad-dħul tal-kamp tal-Mulej.

20U Fineħas bin Elgħażar kien il-kap fuqhom fl-imgħoddi - il-Mulej kien miegħu!

21Żakkarija bin Meslemija kien purtinar fid-dħul tat-tinda tal-laqgħa.

22Dawn il-purtinara kollha, mitejn u tnax, kienu magħduda skont twelidhom fl-irħula tagħhom. David u Samwel, il-veġġent, kienu tawhom dan l-inkarigu tagħhom.

23Huma u wliedhom kienu jieħdu ħsieb bwieb dar il-Mulej, f'bieb it-tinda, bħala għassiesa.

24Il-purtinara kienu fuq erbat irjieħ: il-Lvant, il-Punent, it-Tramuntana u n-Nofsinhar.

25U ħuthom, li kienu fl-irħula, kellhom jiġu minn żmien għal żmien għal sebat ijiem u joqogħdu magħhom.

26L-erba' purtinara ewlenin, li kienu Leviti, kienu dejjem fi dmirhom, għax kienu inkarigati mill-kmamar u t-teżor ta' dar il-Mulej.

27U kienu jgħammru madwar dar il-Mulej, għax huma kellhom iżommu l-għassa, u jiftħu kull filgħodu.


© 2020 Malta Bible Society.

28Xi wħud minnhom kellhom jieħdu ħsieb it-tagħmir tas-servizz; huma kellhom
jgħoddu kollox kull meta joħorġuhom jew idaħħluhom.

29Oħrajn fosthom kellhom jieħdu ħsieb it-tagħmir u l-ħwejjeġ imqaddsa, is-smid,
l-inbid u ż-żejt, l-inċens u l-ħwawar.

30Oħrajn minn ulied il-qassisin kellhom jieħdu ħsieb it-taħlita tal-ħwawar għall-
fwieħa.

31U Mattitija mil-Leviti, it-tifel il-kbir ta' Sallum il-Koraħi, kien inkarigat mill-
għaġna tal-ftajjar.

32U xi wħud minn ulied il-Keħatin, minn fost ħuthom, kienu jieħdu ħsieb il-ħobż
tal-preżenza u jħejjuh minn Sibt għal Sibt.

33Dawn imbagħad kienu l-kantanti, kapijiet tal-familji tal-Leviti, li kienu
joqogħdu fil-kmamar tat-tempju. Kienu ħielsa minn kull xogħol ieħor, għax lejl
u nhar kellhom dmirhom x'jaqdu.

34Dawn kienu l-kapijiet tal-familji ta' missirijiet il-Leviti, skont il-
ġenerazzjonijiet; kienu l-kapijiet li jgħammru f'Ġerusalemm.

### Il-familja ta' Sawl

35F'Gibgħon kien jgħammar Ġegħijel, missier Gibgħon; u martu kien jisimha
Magħka.

36U ibnu l-kbir kien Għabdon, u mbagħad Żur, Kis, Bagħal, Ner u Nadab;

37u Gedor, Aħiju, Żakkarija u Miklot;

38u Miklot wiled lil Simam; u dawn kienu jgħammru ma' ħuthom biswithom
f'Ġerusalemm.

39U Ner wiled lil Kis, u Kis wiled lil Sawl, u Sawl wiled lil Ġonatan, u lil
Malkisugħa, u lil Abinadab, u lil Esbagħal.

40U bin Ġonatan kien Merib-bagħal, u Merib-bagħal wiled lil Mika.

41U wlied Mika kienu: Piton, Melek, Taħrigħa, u Aħaż.

42U Aħaż wiled lil Ġagħra, u Ġagħra wiled lil Għalemet u lil Għażmawet, u lil
Żimri; u Żimri wiled lil Mosa;

43u Mosa wiled lil Bingħa, u Refajja kien ibnu, Elgħaxa ibnu, Asel ibnu.

44U Asel kellu sitt subien, u dawn kien jisimhom: Għażrikam, ibnu l-kbir,
Ismagħel, Segħarija, Għobadija, u Hanan. Dawn kollha wlied Asel.

## 1 Kronaki 10

### Il-mewt ta' Sawl


© 2020 Malta Bible Society.

1U l-Filistin ħabtu għal Iżrael, u n-nies ta' Iżrael ħarbu minn quddiem il-Filistin, u waqgħu mejta fuq il-muntanja ta' Gilbogħa.

2U mbagħad il-Filistin għamlu għal wara Sawl u għal wara wliedu, u qatlu lil Ġonatan, lil Abinadab, u lil Malkisugħa, ulied Sawl.

3Imbagħad it-taqbida ħraxet madwar Sawl, u laħquh l-arċiera, u darbuh.

4U Sawl qal lill-iskudier tiegħu: "Islet ix-xabla tiegħek u infidni biha, li ma jiġux dawn in-nies bla ħtin u jiżżufjettaw bija." L-iskudier ma ssugrax, għax beża' ħafna. U Sawl qabad ix-xabla, u nxteħet fuqha.

5U malli l-iskudier ra lil Sawl mejjet, inxteħet hu wkoll fuq ix-xabla, u miet.

6Hekk miet Sawl u t-tliet uliedu, u daru mietu lkoll flimkien.

7U n-nies kollha ta' Iżrael li kienu fil-wied, meta raw li kienu ħarbu, u li mietu Sawl u wliedu, telqu l-ibliet tagħhom u ħarbu; u mbagħad ġew jgħammru fihom il-Filistin.

8U ġara li l-għada ġew il-Filistin ineżżgħu l-maqtulin, u sabu lil Sawl u lil uliedu mixħutin mejta fuq il-muntanja ta' Gilbogħa.

9Neżżgħuh, ħadulu rasu, u l-armi tiegħu, u bagħtu messaġġiera f'art il-Filistin ta' madwar, biex jagħtu l-aħbar lill-idoli tagħhom u lill-poplu.

10U l-armi tiegħu qegħduhom f'dar allathom u 'l rasu dendluha fit-tempju ta' Dagon.

11Imma meta n-nies ta' Ġabes-gilgħad semgħu lkoll b'kulma kienu għamlu l-Filistin lil Sawl,

12qamu lkoll l-irġiel ta' ħila, u ħadu l-katavru ta' Sawl u l-katavri ta' wliedu, u ġibuhom f'Ġabes u difnu għadamhom taħt il-balluta f'Ġabes; u samu għal sebat ijiem.

13Hekk Sawl miet minħabba l-infedeltà tiegħu; kien infidil kontra l-Mulej, għax ma samax mill-kelma tal-Mulej, u saħansitra mar għand min jeħber bil-mejtin,

14u ma fittixx il-Mulej. Għalhekk il-Mulej qatlu, u dawwar is-saltna għal għand David bin Ġesse.

## 1 Kronaki 11

### David sultan ta' Iżrael

1Imbagħad inġabar Iżrael kollu għand David f'Hebron, u qalulu: "Ara, aħna għadmek u laħmek.


© 2020 Malta Bible Society.

2Fl-imgħoddi, meta Sawl kien sultan, int kont toħroġ lil Iżrael għall-gwerra u ġġibhom lura; u l-Mulej Alla tiegħek qallek: 'Int għad tirgħa l-poplu tiegħi, u inti tkun prinċep fuq il-poplu tiegħi Iżrael.' "

3U x-xjuħ kollha ta' Iżrael ġew għand is-sultan f'Ħebron u s-sultan David għamel patt magħhom f'Ħebron quddiem il-Mulej; u 'l David dilkuh sultan fuq Iżrael skont il-kelma tal-Mulej permezz ta' Samwel.

4U David u Iżrael marru lkoll Ġerusalemm, - li hi Ġebus - fejn kienu jgħammru l-Ġebusin, in-nies li kienu jgħammru fil-pajjiż.

5U n-nies ta' Ġebus qalu lil David: "Ma tidħolx hawn." Imma David ħa f'idejh il-fortizza ta' Sijon, li hi l-belt ta' David.

6U David qal: "Min jaħbat għall-Ġebusin l-ewwel, ikun kap u prinċep." U Ġowab bin Seruja tala' l-ewwel, u sar kap.

7U David beda jgħammar fil-fortizza, u għalhekk bdiet tissejjaħ il-belt ta' David.

8U bena l-belt dawramejt minn Millu madwarha kollu; u Ġowab sewwa l-bqija tal-belt.

9U David baqa' dejjem jissaħħaħ, u l-Mulej tal-eżerċti kien dejjem miegħu.

## Il-qalbiena ta' David

10Dawn huma l-kapijiet tal-qalbiena ta' David, li kienu għenuh bis-sħiħ meta kien sultan, flimkien ma' Iżrael kollu, biex sar sultan fuq Iżrael kollu, skont il-kelma tal-Mulej għal Iżrael.

11U dan hu l-għadd tal-qalbiena ta' David: Jesbogħam, il-Ħakmuni, l-aqwa fost it-tlieta; kien hu li venven il-lanza tiegħu fuq tliet mitt ruħ, u qatilhom f'darba waħda.

12Warajh jiġi Elgħażar bin Dodu, l-Aħuħi, wieħed mit-tliet qalbenin.

13Hu kien ma' David f'Pas-dammim, meta l-Filistin inġabru għall-ġlied. Kien hemm għalqa mimlija xgħir, u l-poplu kien ħarab minn quddiem il-Filistin.

14Imma hu baqa' hemm wieqaf f'nofs l-għalqa, ħelisha, u ħarbat il-Filistin. Dakinhar il-Mulej għamel rebħa kbira.

15Tlieta minn fost it-tletin il-kbar kienu niżlu fil-kenn tal-blat ħdejn David fl-għar ta' Għadullam; u l-Filistin kienu fil-kamp f'wied Refajm.

16U David kien fil-fortizza; u f'Betlehem kien hemm l-għases Filistin.

17U David ġietu xewqa u qal: "Min se jisqini mill-ilma tal-bir li hemm fil-bieb ta' Betlehem?"

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

18U t-tliet qalbenin qasmu minn nofs il-kamp tal-Filistin, u mlew l-ilma mill-bir fil-bieb ta' Betlehem; u qabduh u ġabuh lil David. Imma hu ma riedx jixorbu, u sawbu fl-art b'offerta lill-Mulej,

19u qal: "Iħarisni Alla tiegħi milli nagħmel dan: li nixrob jien id-demm ta' dawn in-nies li marru jtarrfu ħajjithom. Għax tassew b'sogru ta' ħajjithom ġabuh!" Għalhekk ma riedx jixrob. Dan hu li għamlu t-tliet qalbenin.

20L-aqwa fost it-tletin kien Abisaj, ħu Ġowab; hu li kien venven il-lanza tiegħu fuq tliet mitt ruħ, u qatilhom. Hekk għamel isem bħal dak tat-tlieta.

21Fost it-tletin hu li kellu l-aqwa ġieħ, u sar il-kmandant tagħhom, imma ma laħħaqx mat-tlieta.

22Benajja bin Ġeħojada, minn Kabsel, kien raġel ta' ħila, li għamel ħafna ħwejjeġ tal-għaġeb. Kien hu li għeleb iż-żewġ ulied ta' Arijel ta' Mowab. Kien hu wkoll li niżel u qatel l-iljun f'nofs il-ġiebja dakinhar li għamel is-silġ.

23Kien hu li qatel lil wieħed Eġizzjan. Dan l-Eġizzjan kien twil ħafna, ħamest idriegħ twil, u f'idu kellu lanza bħall-motwa tan-nissieġa; iżda hu niżel għalih bil-ħatar, ħa l-lanza minn id l-Eġizzjan, u qatlu bil-lanza tiegħu stess.

24Dan għamel Benajja bin Ġeħojada, u għamel isem fost it-tliet qalbiena.

25Fost it-tletin kien hu li kellu l-aqwa ġieħ, imma ma laħħaqx mat-tlieta. David qiegħdu fuq il-kunsill tiegħu.

26Il-qalbenin tal-eżerċtu kienu: Għaxajel, ħu Ġowab; Elħanan bin Dodu minn Betlehem;

27Sammot il-Ħarodi; Ħeles il-Peluni;

28Għira bin Għikkes, minn Tekugħa; Abigħeżer l-Għanatoti;

29Sibbekaj il-Ħusati; Għilaj l-Aħoħi;

30Maħaraj in-Netufi; Ħeled bin Bagħna in-Netufi;

31Itaj bin Ribaj, minn Gibgħa ta' Benjamin; Benajja l-Pirgħatuni;

32Ħuraj mill-widien ta' Ġagħas; Abijel l-Għarbati;

33Għażmawet minn Baħurim; Elijaħba s-Sagħalbuni;

34Ħasem il-Ġiżuni; Ġonatan bin Sagi l-Ħarari;

35Aħijam bin Sakar il-Ħarari; Elifal bin Ur;

36Ħefer il-Mekerati; Aħijaħ il-Peluni,

37Ħesru l-Karmeli; Nagħraj bin Eżbaj;

38Ġoel ħu Natan; Mibħar bin Ħagri;

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

39Selek l-Għammoni; Naħaraj il-Biroti, skudier ta’ Ġowab bin Seruja;

40Għira l-Ġetri; Gareb il-Ġitri;

41Urija l-Hitti; Żabad bin Aħlaj;

42Għadina bin Siża r-Rubeni, kap tar-Rubenin, bi tletin miegħu;

43Hanan bin Magħka; Ġosafat il-Mitni;

44Għużżija l-Għastaroti; Sama u Ġegħijel, ulied Hotam l-Għarogħeri;

45Ġedigħajel bin Simri; u Ġoħa, ħuh, it-Tisi;

46Elijel il-Moħawi; u Ġeribaja u Ġosawija ulied Elnagħam; Ġetma l-Mowabi;

47Elijel, Għobed, Ġagħsijel minn Soba.

## 1 Kronaki 12

### Il-ħbieb ta’ David

1Dawn kienu n-nies li ġew għand David f’Siklag, meta kien għadu magħluq
minħabba Sawl bin Kis. Kienu huma wkoll fost il-qalbenin li għenuh fil-gwerra;

2imħarrġa fil-ġbid tal-qaws; iwaddbu bil-lemin u bix-xellug, ħaġar u vleġeġ, bil-
qaws. Kienu kollha qraba ta’ Sawl minn Benjamin.

3Il-kap kien Aħigħeżer; imbagħad Ġowas ulied Semajja ta’ Gibgħa; Ġeżigħel u
Pelet, ulied Għażmawet; Beraka u Ġeħu l-Għanatoti;

4Ismaja l-Gibgħuni, raġel qalbieni mit-tletin, u fuq it-tletin;

5Ġeremija, Ġagħsijel, Ġoħanan, Ġożabad minn Gedera;

6Elgħażaj Ġerimot, Bagħlija, Semarija, Seratija l-Harufi;

7Elkana, Issija, Għażarijel, Ġogħeżer, Ġasobgħam il-Koraħi,

8Gogħela, Żebadija, ulied Ġeroħam minn Gedor.

9Mill-Gadin marru għal ma’ David fil-fortizza fid-deżert qalbenin ta’ qawwa, nies
imħarrġa għall-gwerra, armati bit-tarka u l-lanza, wiċċhom wiċċ l-iljuni u ħfief
bħall-għażżiela fuq il-muntanji:

10Għeżer il-kap; Għobadija t-tieni; Elijab it-tielet;

11Mismanna r-raba’; Ġeremija l-ħames;

12Għattaj is-sitta; Elijel is-seba’;

13Ġoħanan it-tmienja; Elżabad id-disa’;

14Ġeremija l-għaxra; Makbannaj il-ħdax.


© 2020 Malta Bible Society.

15Dawn kienu minn ulied Gad, kapijiet tal-qtajja'; l-iżgħar wieħed kien jikkmanda mija, u l-ikbar elf.

16Dawn kienu li qasmu l-Ġordan fl-ewwel xahar, meta s-soltu jkun mimli sa xfaru kollha, u ħarrbu lil dawk kollha li kienu fil-widien lejn il-Lvant u lejn il-Punent.

17U ġew ukoll uħud minn Benjamin u Ġuda għand David fil-fortizza.

18David ħareġ jilqagħhom u qalilhom: "Jekk intom ġejtu għandi bis-sliem biex tgħinuni, inkun qalb waħda magħkom; imma jekk intom ġejtu tqarrqu bija, u terħuni f'idejn l-għedewwa tiegħi - għalkemm m'hemm ebda qerq f'idejja, - jalla jarah Alla ta' missirijietna, u jagħmel ħaqq hu."

19Imbagħad l-ispirtu ġie fuq Għamasaj, il-kap tat-tletin, u qal: "Tiegħek, aħna, o David! Miegħek aħna bin Ġesse! Is-sliem, is-sliem għalik! U s-sliem lil min jgħinek, għax għenek Alla tiegħek." U David laqagħhom u għamilhom kapijiet fuq l-eżerċtu.

20U xi wħud minn Manassi marru għal ma' David, meta hu kien mar mal-Filistin għall-gwerra kontra Sawl. Iżda hu ma għenhomx, għaliex il-kbarat tal-Filistin ftiehmu u bagħtuh, għax qalu: "Li ma jmurx idur għal ma' sidu Sawl bi ħsara għal rasna."

21Meta ġie Siklag minn Manassi marru għal miegħu: Għadna, Ġożabad, Ġedigħajel, Mikiel, Ġożabad, Eliħu u Silletaj, kapijiet tal-eluf ta' Manassi.

22U dawn għenu lil David kontra l-qtajja' tal-ħallelin, għax kienu kollha nies qalbiena ta' qawwa kbira, u saru fizzjali fl-eżerċtu.

23Minn jum għal ieħor kienu dejjem ġejjin irġiel għand David biex jgħinuh, sakemm il-kamp tiegħu sar kbir daqs il-kamp ta' Alla.

### L-armata ta' David

24Dan hu l-għadd tal-kapijiet tal-qtajja' armati għall-gwerra, li ġew għand David f'Hebron biex jgħaddulu s-saltna ta' Sawl skont il-kelma tal-Mulej.

25Ulied Ġuda armati bit-tarka u l-lanza; sitt elef u tmien mija, armati għall-gwerra.

26Minn ulied Simgħon, qalbenin ta' qawwa kbira għall-gwerra: sebat elef u mija.

27Minn ulied Levi, erbat elef u sitt mija.

28U Ġeħojada, kap tad-dar ta' Aron, u miegħu tlitt elef u seba' mija.

29Sadok, żagħżugħ qalbieni u ta' ħila, bi tnejn u għoxrin fizzjal minn dar missieru.

30U minn ulied Benjamin, ħut Sawl, tlitt elef, il-biċċa l-kbira minnhom sa dakinhar kienu jżommu mad-dar ta' Sawl.


© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

31Minn ulied Efrajm, għoxrin elf u tmien mija, irġiel qalbiena u ta' ħila, u nies ta'
isem f'dar missirijiethom.

32U minn nofs it-tribù ta' Manassi: tmintax-il elf, li kienu magħżula b'isimhom,
biex jiġu u jagħmlu lil David sultan.

33U minn ulied Issakar, nies li kienu jafu jifhmu ż-żminijiet u jagħrfu x'għandu
jagħmel Iżrael, mitejn kap tagħhom u ħuthom, ilkoll taħt il-kmand tagħhom.

34Minn Żebulun: ħamsin elf ruħ lesti għall-gwerra armati b'kull xorta ta' tagħmir
għall-gwerra biex jgħinu lil David b'qalb sħiħa.

35U minn Naftali: elf fizzjal u magħhom sebgħa u tletin elf armati bit-tarka u l-
lanza.

36U minn Dan: tmienja u għoxrin elf u sitt mitt ruħ lesti għall-gwerra.

37U minn Aser: erbgħin elf ruħ lesti għall-gwerra.

38Min-naħa l-oħra tal-Ġordan, mir-Rubenin, mill-Gadin u min-nofs tribù ta'
Manassi: mija u għoxrin elf bl-armi kollha tal-gwerra.

39Dawn kollha kienu nies gwerriera, imqassmin għall-battalja, u ġew Ħebron bil-
fehma sħiħa li jagħmlu lil David sultan fuq Iżrael kollu. U l-bqija ta' Iżrael kienu
fehma waħda li jagħmlu lil David sultan.

40U baqgħu hemm tlitt ijiem ma' David, jieklu u jixorbu, għax ħuthom kienu
lestewlhom kollox.

41U dawk ukoll li kienu joqogħdu fil-qrib tagħhom sa Issakar u Żebulun u Naftali,
kienu ġiebu l-ikel fuq il-ħmir, iġmla, bgħula u gniedes: ħażniet tal-qamħ, tin
imqadded, għenieqed taż-żbib, inbid u żejt, baqar u nagħaġ, kollox bil-ħafna,
għax kien hemm il-ferħ f'Iżrael.

## 1 Kronaki 13

### L-arka għand Għobededom

1U David ħa l-parir tal-fizzjali tal-eluf u l-mijiet u tal-kapijiet kollha.

2David imbagħad kellem lill-ġemgħa kollha ta' Iżrael: "Jekk intom jidhrilkom li
hu tajjeb, u jekk inhu ġej mill-Mulej, Alla tagħna, nibagħtu għal ħutna li għad
fadal fl-art ta' Iżrael, u magħhom il-qassisin u l-Leviti, fl-ibliet tal-mergħat
tagħhom, biex jinġabru magħna,

3u nġibu l-arka ta' Alla tagħna għandna, għax ma fittixnihiex fi żmien Sawl."

4U l-ġemgħa kollha qablet li jsir dan, għax għoġbot din il-ħaġa lill-poplu kollu.

5Għalhekk David laqqa' lil Iżrael kollu minn Siħor tal-Eġittu sa dħul Ħamat, biex
iġibu l-arka ta' Alla minn Kirjat-ġegħarim.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

6 U tala' David u Iżrael kollu Bagħla, lejn Kirjat-ġegħarim ta' Ġuda, biex italla' minn hemm l-arka ta' Alla, li ġġib l-isem tal-Mulej li qiegħed fuq il-kerubini.

7 U għabbew l-arka ta' Alla fuq karru ġdid, mid-dar ta' Abinadab; u Għużża u Aħiju kienu jsuqu l-karru.

8 U David u Iżrael kollu bdew jaqbżu u jiżfnu bil-ferħ quddiem Alla b'kemm kellhom saħħa, bl-għana u bid-daqq taċ-ċetri, tal-arpi u t-tnabar, iċ-ċnieċel u t-trombi.

9 Xħin waslu ħdejn il-qiegħa ta' Kidon, il-gniedes tfixklu, u Għużża medd idu biex iżomm l-arka.

10 U l-Mulej għadab għal Għużża, u ħabat għalih talli medd idu fuq l-arka, u baqa' mejjet tal-post quddiem Alla.

11 David għela għax il-Mulej laqat lil Għużża, u sejjaħ il-post: Pereż-għużża sal-lum.

12 Dakinhar David ħass ruħu beżgħan quddiem Alla u qal: "Kif nista' ndaħħal l-arka ta' Alla għandi?"

13 U David ma riedx idaħħal l-arka għandu fil-belt ta' David, imma ħadha fid-dar ta' Għobededom, il-Gitti.

14 U l-arka ta' Alla baqgħet f'dar Għobededom, f'daru, għal tliet xhur sħaħ; u l-Mulej bierek id-dar ta' Għobededom u kulma kellu.

## 1 Kronaki 14

### Ir-rebħa fuq il-Filistin

1 U Hiram, is-sultan ta' Tir, bagħat messaġġiera għand David, u injam taċ-ċedru u mastrudaxxi u naġġara biex jibnulu dar.

2 U David għaraf li l-Mulej wettqu sultan fuq Iżrael, u li għolla saltnatu minħabba l-poplu tiegħu Iżrael.

3 U David ħa aktar nisa f'Ġerusalemm, u David wiled aktar subien u bniet.

4 U dawn huma l-ismijiet tal-ulied li tweldulu f'Ġerusalemm: Sammugħa, Sobab, Natan, Salamun,

5 Ibħar, Elisugħa, Elfelet,

6 Nogaħ, Nefeg, Ġafigħa,

7 Ellisama, Begħeljada, u Elifelet.

8 U l-Filistin semgħu li David kien midluk sultan fuq Iżrael kollu; u telgħu l-Filistin kollha jfittxu lil David; u malli David sama' ħareġ għalihom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

9U l-Filistin ġew u xterdu fil-wied ta' Refajm.

10U David stħarreġ lil Alla u qal: "Nitla' kontra l-Filistin? Terħihomli int f'idejja?"
U l-Mulej wieġeb lil David: "Itla', u nerħihom f'idejk."

11U telgħu lejn Bagħal-perasim, u David tahom xebgħa hemm. U mbagħad David
qal: "Ħarbat Alla quddiemu l-għedewwa tiegħi b'idejja, bħalma jħarbat l-ilma
kollox quddiemu." Għalhekk semmew il-post Bagħal-perasim.

12U l-Filistin ħallew hemm l-allat tagħhom, u David ordna li jagħtuhom in-nar.

13Imma l-Filistin reġgħu telgħu u tqassmu fil-wied.

14U David stħarreġ lil Alla, u Alla wieġbu: "Titlax għalihom: dur għal warajhom,
u ħudhom minn wara, minn biswit is-siġar tal-balzmu.

15Malli tisma' t-tħaxwix tal-mixi fuq il-qċaċet tas-siġar tal-balzmu, dak il-ħin
oħroġ għat-taqbida, għax Alla joħroġ quddiemek, u jkisser il-kamp tal-Filistin."

16U David għamel bħalma ordnalu Alla, u ħarbat il-kamp tal-Filistin minn
Gibgħon sa Geżer.

17U isem David xtered mal-pajjiż kollu, u l-Mulej xeħet il-biża' tiegħu fuq il-ġnus
kollha.

## 1 Kronaki 15

### L-arka f'Ġerusalemm

1David bena għalih djar fil-Belt ta' David, u ħejja post għall-arka ta' Alla u talla'
għarix għaliha.

2U mbagħad David qal: "Ħadd ma jista' jġorr l-arka ta' Alla ħlief il-Leviti: għax
lilhom għażel il-Mulej biex iġorru l-arka tal-Mulej, u jservuh għal dejjem."

3U David laqqa' lill-poplu ta' Iżrael kollu f'Ġerusalemm biex italla' l-arka tal-
Mulej f'postha li kien ħejja għaliha.

4U David laqqa' lil ulied Aron u 'l-Leviti.

5Minn ulied Keħat: Urijel il-kap, b'mija u għoxrin minn ħutu.

6Minn ulied Merari: Għaxajja l-kap, b'mitejn u għoxrin minn ħutu.

7Minn ulied Gersum: Ġoel il-kap, b'mija u tletin minn ħutu.

8Minn ulied Elisafan: Semajja l-kap, b'mitejn minn ħutu.

9Minn ulied Hebron: Elijel il-kap, bi tmenin minn ħutu.

10Minn ulied Għużżijel: Għamminadab il-kap, b'mija u tnax minn ħutu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

11 Imbagħad David sejjaħ lill-qassisin Sadok u Abjatar, u ’l-Leviti: Urijel, Għaxajja,
Ġoel, Semajja, Elijel, u Għamminadab,

12 u qalilhom: “Intom il-kapijiet tal-familji ta’ missirijiet il-Leviti. Tqaddsu intom
u ħutkom, u tellgħu l-arka tal-Mulej, Alla ta’ Iżrael, fil-post li jien ħejjejt għaliha.

13 Billi l-ewwel darba ma kontux intom, il-Mulej, Alla tagħna, ħabat għalina, għax
ma konniex fittixnieh kif inhu ordnat.”

14 U l-qassisin u l-Leviti tqaddsu, biex itellgħu l-arka tal-Mulej, Alla ta’ Iżrael.

15 U l-Leviti ġarrew l-arka ta’ Alla bil-lasti fuq spallejhom, kif kien ordna Mosè
skont il-kelma tal-Mulej.

16 U David ordna lill-kapijiet tal-Leviti li jqassmu ’l ħuthom, il-mużiċisti bl-
istrumenti tad-daqq - arpi, ċetri, ċnieċel - u jgħollu u jsemmgħu leħinhom għoli
b’sinjal ta’ ferħ.

17 U l-Leviti għażlu lil Heman bin Ġoel, u minn ħutu lil Asaf bin Barakija; u minn
ulied Merari, ħuthom, lil Etan bin Kusaja,

18 u magħhom ħuthom tat-tieni grad: Żakkarija, Ġagħsijel, Semiramot, Ġeħijel,
Għunni, Elijab, Benaja, Magħxija, Mattitija, Elifleħu, u Mikneja, u Għobededom u
Ġegħijel, il-purtinara.

19 U l-kantanti, Heman, Asaf u Etan kellhom idoqqu ċ-ċnieċel tal-bronż iżarżru.

20 Żakkarija, Għażijel, Semiramot, Ġeħijel, Għunni, Elijab, Magħxija u Benaja
kellhom idoqqu l-arpi b’leħen għoli;

21 u Mattitija, Elifleħu, Mikneja, Għobededom, Ġegħijel u Għażażija, kellhom
idoqqu ċ-ċetri b’leħen baxx, biex isostnu l-vuċi.

22 U Kenanija, kap tal-Leviti fil-kant, kellu jiddirieġi l-kant għax kien jifhem.

23 U Barakija u Elkana kellhom ikunu purtinara tal-arka.

24 Il-qassisin Sebanija, Ġosafat, Netanjel, Għamasaj, Żakkarija, Benaja u Eligħeżer,
kellhom idoqqu t-trombi quddiem l-arka ta’ Alla. U Għobededom u Ġeħijja kienu
purtinara tal-arka.

### David quddiem l-arka

25 U ġara li David, u x-xjuħ ta’ Iżrael, u l-kapijiet tal-eluf marru jtellgħu l-arka tal-
patt tal-Mulej minn dar Għobededom bil-ferħ.

26 U ġara li billi Alla għen lil-Leviti, li kienu jġorru l-arka tal-patt tal-Mulej, offrew
b’sagrifiċċju seba’ għoġiela u seba’ mtaten.

27 U David kien liebes mantar tal-għażel fin, u wkoll il-Leviti li kienu jġorru l-arka,
il-kantanti, u Kenanija, il-kap li kien jiddirieġi l-kant. David kellu fuqu l-efod tal-
kittien.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[28]Hekk Iżrael kollu wasslu l-arka tal-patt tal-Mulej b'għajat ta' ferħ u d-daqq tat-trombi, u ċ-ċnieċel u l-platti; u daqqew ukoll l-arpi u ċ-ċetri bil-qawwa kollha.

[29]U ġara li hi u dieħla l-arka tal-patt tal-Mulej fil-belt ta' David, Mikal, bint Sawl, ittawlet mit-tieqa u lemħet is-sultan David jaqbeż u jiżfen, u stmerrietu f'qalbha.

## 1 Kronaki 16

### Offerti u sagrifiċċji

[1]U hekk ġiebu l-arka ta' Alla u qegħduha f'nofs it-tinda li kien waqqaf għaliha David, u offrew sagrifiċċji tal-ħruq u sagrifiċċji tas-sliem quddiem Alla.

[2]Meta kien offra s-sagrifiċċji tal-ħruq u s-sagrifiċċji tas-sliem, David bierek il-poplu b'isem il-Mulej,

[3]u qassam lin-nies kollha ta' Iżrael, irġiel u nisa, ħobża, biċċa laħam, u ċappa żbib.

[4]U qiegħed xi wħud mil-Leviti għas-servizz quddiem l-arka tal-Mulej biex ifakkru, iroddu l-ħajr, u jfaħħru lill-Mulej, Alla ta' Iżrael:

[5]Asaf il-kap, u Żakkarija ta' warajh, Ġagħsijel, Semiramot, Ġeħijel, Mattitija, Elijab, Benaja, Għobededom u Ġegħijel, li kellhom l-arpi u ċ-ċetri. Asaf kellu jdoqq il-platti.

[6]Benaja u Ġaħsijel, il-qassisin, kellhom idoqqu t-trombi quddiem l-arka tal-patt ta' Alla dejjem.

[7]Dak in-nhar David qabbad għall-ewwel darba lil Asaf u 'l ħutu biex ifaħħru lill-Mulej:

[8]Faħħru l-Mulej u xandru ismu, Għarrfu lill-ġnus bl-għemejjel tiegħu.

[9]Għannulu u doqqulu, xandru l-għeġubijiet tiegħu kollha.

[10]Ftaħru bl-isem qaddis tiegħu, tifraħ il-qalb ta' dawk li jfittxu lill-Mulej.

[11]Ħabirku biex tagħrfu lill-Mulej u l-qawwa tiegħu, fittxu 'l wiċċu l-ħin kollu.

[12]Ftakru fil-ħwejjeġ kbar li għamel, fl-għeġubijiet u l-ġudizzji tiegħu.

[13]Nisel Iżrael, il-qaddej tiegħu, ulied Ġakobb, il-maħtur tiegħu.

[14]Jaħweh hu Alla tagħna! Mal-art kollha l-ġudizzji tiegħu.

[15]Ftakru għal dejjem fil-patt tiegħu, fil-kelma li ta għal elf nisel;

[16]fil-patt li għamel ma' Abraham, fil-wegħda li ħalef lil Iżakk;

[17]li ġedded lil Ġakobb b'liġi, lil Iżrael b'patt għal dejjem,

[18]meta qal: "Lilek nagħti l-art ta' Kangħan, bħala sehem tal-wirt tagħkom."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

19Ftit kontu għadkom tgħoddu, ma kontux ħlief ftit u barranin f'dik l-art;

20jiġġerrew minn ġens għal ieħor, minn saltna għal għand poplu ieħor.

21Hu ma ħalla 'l ħadd jaħqarhom; slaten ražžan minħabba fihom.

22"Tmissux lil dawk li huma kkonsagrati lili, tagħmlux deni lill-profeti tiegħi."

23Għannu, art kollha, lill-Mulej. Habbru minn jum għal ieħor is-salvazzjoni tiegħu.

24Xandru fost il-ġnus is-sebħ tiegħu, fost il-popli kollha l-għeġubijiet tiegħu.

25Kbir il-Mulej, ta' min ifaħħru ħafna, tal-biża' aktar mill-allat kollha.

26Għax kollha frugħa l-allat tal-popli, Jaħweh hu li għamel is-smewwiet.

27Ġmiel u sebħ huma quddiemu, qawwa u ferħ hemm f'postu.

28Agħtu lill-Mulej, familji tal-popli, agħtu lill-Mulej sebħ u qawwa,

29agħtu lill-Mulej is-sebħ ta' ismu. Ġibulu l-offerti u idħlu quddiemu; inxteħtu quddiem il-Mulej b'tiżjin qaddis.

30Triegħdu, art kollha, quddiemu. Hu jżomm sħiħa d-dinja biex qatt ma titħarrek.

31Ha jifirħu s-smewwiet u tithenna l-art. Ħalli jgħidu fost il-ġnus: "Il-Mulej isaltan."

32Ħa jħabbat il-baħar u kulma fih. Ħa jifraħ ir-raba' u kulma fih,

33u jgħannu bil-ferħ is-siġar tal-bosk, quddiem il-Mulej, għax ġej biex jagħmel ħaqq mid-dinja.

34Roddu ħajr lill-Mulej, għax hu tajjeb, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

35Għidu: Salvana, Alla tas-salvazzjoni tagħna, u iġmagħna minn fost il-ġnus, biex irroddu ħajr lill-isem imqaddes tiegħek, u niftaħru bit-tifħir tiegħek.

36Imbierek il-Mulej Alla ta' Iżrael minn dejjem għal dejjem!" U l-poplu kollu wieġeb: "Ammen". U bdew ifaħħru l-Mulej.

## Il-ministeru tal-arka

37U ħalla hemm lil Asaf u 'l ħutu quddiem l-arka tal-patt tal-Mulej, biex iservu hemm dejjem quddiem l-arka, skont ma jkun hemm bżonn minn jum għal ieħor.

38Kif ukoll lil Għobededom u tmienja u sittin minn ħutu; u Għobededom bin Ġedutun, u Hosa bħala purtinara.

39U 'l Sadok, il-qassis, u 'l ħutu l-qassisin ħalliehom quddiem it-tabernaklu tal-Mulej fuq l-għolja ta' Gibgħon,


© 2020 Malta Bible Society.

40biex joffru s-sagrifiċċji tal-ħruq lill-Mulej fuq l-artal tas-sagrifiċċju għal dejjem,
filgħodu u filgħaxija, kollox skont ma hemm miktub fil-Liġi, li l-Mulej kien ordna
lil Iżrael.

41U magħhom kien hemm Heman, Ġedutun, u l-bqija li kienu magħżulin, u
msemmija b'isimhom, biex ifaħħru lill-Mulej: "Għax għal dejjem hi t-tjieba
tiegħu."

42U Heman u Ġedutun kellhom trombi u ċnieċel għall-mużiċisti, u tagħmir ieħor
għall-kant lil Alla. U wlied Ġedutun kienu mal-bieb.

43U l-poplu kollu mar, kulħadd għal daru, u David mar id-dar biex ibierek lil
niesu.

## 1 Kronaki 17

### Natan u David

1Meta David mar joqgħod f'daru qal lil Natan, il-profeta: "Issa jien qiegħed f'dar
taċ-ċedru, u l-arka tal-patt tal-Mulej qiegħda taħt tinda."

2U qal Natan lil David: "Kulma għandek fi ħsiebek li tagħmel, agħmlu; għax Alla
miegħek."

3Imma dak il-lejl stess Alla kellem lil Natan u qallu:

4"Mur u għid lill-qaddej tiegħi David: Dan jgħid il-Mulej: 'Mhux inti se tibnili dar
biex noqgħod fiha.

5Jiena ma għammart f'ebda dar minn mindu tellajt lil Iżrael sal-lum. Jien kont
niġġerra minn tinda għal oħra u f'għarix.

6F'dak iż-żmien kollu li kont niġġerra 'l hawn u 'l hinn ma' Iżrael kollu, qatt għedt
lil xi ħadd mill-Imħallfin ta' Iżrael, li jien kont qabbadt biex jirgħu l-poplu tiegħi
Iżrael; għaliex ma bnejtlix dar taċ-ċedru?'

7"U issa għid lill-qaddej tiegħi David: Dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti: 'Ara, jiena
ħadtek mill-mergħat, minn wara l-imrieħel, biex tkun prinċep fuq il-poplu tiegħi
Iżrael.

8Dejjem kont miegħek kull fejn kont tmur; jiena qridt l-għedewwa tiegħek kollha
minn quddiemek. Jiena nibnilek isem jixbah l-ismijiet il-kbar li hawn fid-dinja.

9Nagħmel post għall-poplu tiegħi Iżrael, u nqiegħdu hemm, fejn jgħammar bla
biża', u ma jgħakksuhx iżjed il-ħżiena bħal qabel,

10jiġifieri sa minn meta qajjimt l-Imħallfin fuq il-poplu tiegħi Iżrael; u rrażżan l-
għedewwa tiegħek kollha. "Lilek imbagħad il-Mulej jagħtik kelma li jibnilek dar.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

11U meta inti ttemm żmienek, u tkun inġbart ma' missirijietek, jiena nqajjem
nislek warajk, wieħed minn uliedek, u nsaħħaħ is-saltna tiegħu.

12Hu jibnili dar, u jiena nsaħħaħ it-tron tiegħu għal dejjem.

13Jiena nkun għalih missier, u hu jkun għalija iben, u t-tjieba tiegħi qatt ma
nwarrabha minnu, bħalma warrabtha mis-sultan ta' qablek;

14imma nwaqqfu għal dejjem fid-dar tiegħi u fis-saltna tiegħi, u t-tron tiegħu
jibqa' sħiħ għal dejjem."

15Natan tkellem ma' David skont dan il-kliem u din il-viżjoni.

### It-talba ta' David

16Imbagħad is-sultan David mar quddiem il-Mulej u qal: "Min jiena jien, Mulej
Alla, u min hi l-familja tiegħi, biex wassaltni sa hawn?

17Imma dan kien għadu ftit f'għajnejk, o Alla! Issa tkellimt mill-familja tal-qaddej
tiegħek għal żmien li għadu 'l bogħod, u wrejtni bħal dehra ta' bniedem dejjem
tiela' 'l fuq, o Mulej Alla.

18X'jista' jgħidlek iżjed David talli onorajt lill-qaddej tiegħek daqshekk, la darba
int tafu l-qaddej tiegħek?

19Mulej, minħabba l-qaddej tiegħek, u skont qalbek, għamilt dan il-kobor kollu
meta int għarraftu b'dawn il-ħwejjeġ kbar.

20Mulej ma hawn ħadd daqsek, u ebda Alla ieħor ħliefek, skont kulma smajna
b'widnejna.

21U liema poplu ieħor fid-dinja hu bħal Iżrael, il-poplu tiegħek, li Alla jinqala' biex
jifdih u jagħmlu l-poplu tiegħu, u tagħmel isem għalik b'għemejjel kbar u tal-
għaġeb biex keċċejt il-ġnus minn quddiem il-poplu tiegħek li int fdejt mill-
Eġittu?

22U int għamilt il-poplu tiegħek Iżrael poplu tiegħek għal dejjem; u inti, Mulej,
sirt Alla tagħhom.

23U issa Mulej, il-kelma li int għedt dwar il-qaddej tiegħek u dwar il-familja
tiegħu jalla tibqa' għal dejjem, u agħmel kif għedt.

24B'hekk ismek jibqa' u jitfaħħar għal dejjem billi jgħidu: 'Il-Mulej tal-eżerċti, Alla
ta' Iżrael, hu Alla għal Iżrael.' U l-familja ta' David, il-qaddej tiegħek, tibqa' sħiħa
quddiemek.

25Għax int, Alla tiegħi, għarraft lill-qaddej tiegħek li għad tibnilu dar, għalhekk il-
qaddej tiegħek għamel il-qalb jitlob quddiemek.

26U issa, Mulej, int hu Alla, u wegħedt dan il-ġid lill-qaddej tiegħek,


© 2020 Malta Bible Society.

27issa ħa jogħġbok tbierek il-familja tal-qaddej tiegħek, ħalli tibqa' sħiħa
quddiemek għal dejjem, għax kulma tbierek inti, Mulej, jibqa' mbierek għal
dejjem."

## 1 Kronaki 18

### Ir-rebħ ta' David

1Ġara li wara dan David ħabat għall-Filistin, għelibhom u ħadilhom minn taħt
idejhom Gatt u l-irħula tagħha.

2Kisser ukoll lil Mowab, u l-Mowabin saru suġġetti għal David u bdew iħallsu l-
ħaraġ.

3Rebaħ ukoll David lil Hadad-għeżer, sultan ta' Soba, lejn Hamat, meta mar biex
iwaqqaf saltnatu sax-xmara tal-Ewfrat.

4U David ħadlu elf karru, sebat elef rikkieb, u għoxrin elf ruħ tal-fanterija. U
David qata' l-għeruq tal-għarqub taż-żwiemel kollha tal-karrijiet, u ħalla sħaħ
minnhom għal mitt karru.

5Aram ta' Damasku mar jgħin lil Hadad-għeżer, sultan ta' Soba: u David ħabat
għal Aram u qered minnhom tnejn u għoxrin elf raġel.

6U David ħalla l-għases f'Aram ta' Damasku; u l-Aramin saru suġġetti għal David
u bdew iħallsu l-ħaraġ. U l-Mulej kien jgħin lil David f'kulma kien jidħol għalih.

7U David ħa t-tarkiet tad-deheb li kellhom fuqhom il-qaddejja ta' Hadad-għeżer,
u ġiebhom f'Ġerusalemm.

8U minn Tibħat u minn Kun, bliet ta' Hadad-għeżer, David ħa ħafna bronż. Bih
Salamun għamel il-baħar tal-bronż, il-kolonni, u tagħmir ieħor tal-bronż.

9U Togħu, sultan ta' Hamat, sar jaf li David kien qered il-forza kollha ta' Hadad-
għeżer, sultan ta' Soba.

10U bagħat lil ibnu Hadoram għand is-sultan David biex iselli għalih u jifraħlu
talli ħabat għal Hadad-għeżer u għelbu; għax Hadad-għeżer kien miġġieled ma'
Togħu. U bagħatlu tagħmir tad-deheb, fidda u bronż.

11U s-sultan David ikkonsagrahom lill-Mulej flimkien mal-fidda u d-deheb li ħa
mingħand il-ġnus kollha, minn Edom, minn Mowab, minn ulied Għammon, u
mill-Filistin, u minn Għamalek.

12Abisaj bin Seruja kisser lil Edom f'Wied il-Melħ, tmintax-il elf raġel.

13U ħalla għases f'Edom; u l-Edumin kollha saru suġġetti għal David. Hekk il-
Mulej kien irebbaħ lil David kull fejn kien imur.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

14U David kien isaltan fuq Iżrael kollu, u kien jagħmel il-ħaqq u s-sewwa mal-poplu kollu tiegħu.

15Ġowab bin Seruja kien jikkmanda l-eżerċtu; u Ġosafat bin Aħilud kien segretarju;

16Sadok bin Aħitub u Aħimelek bin Abjatar, qassisin; u Sawsa kien kronista;

17u Benajja bin Ġeħojada kien fuq il-Keretin u l-Peletin; u wlied David kienu l-uffiċjali kbar madwar is-sultan.

## 1 Kronaki 19

### David u l-Għammonin

1Ġara li wara dan miet Naħas, is-sultan ta' wlied Għammon, u daħal isaltan floku ibnu.

2U David qal: "Ha rrodd lil Hanun bin Naħas il-favur li missieru għamel miegħi." U David bagħat messaġġiera jagħtuh l-għomor għall-mewt ta' missieru. U l-qaddejja ta' David marru fl-art ta' wlied Għammon għand Hanun biex jagħtuh l-għomor.

3U l-kapijiet ta' wlied Għammon qalu lil Hanun: "Taħseb int li David bagħat jagħtik l-għomor biex permezz tal-qaddejja tiegħu jagħti ġieħ lil missierek? Mhux biex jistħarrġu u jitkixxfu u jġarrfu l-pajjiż ġew il-qaddejja tiegħu għandek?

4U Hanun qabad lill-qaddejja ta' David, qaxxrilhom leħjithom u qatgħalhom nofs ilbieshom min-nofs sal-maqgħad u telaqhom.

5U marru u għarrfu lil David dwar dawn in-nies. U bagħat lil min jilqagħhom - għax dawn l-irġiel ħassew ruħhom avviliti għall-aħħar. U s-sultan qalilhom: "Oqogħdu f'Ġeriko sakemm tikbrilkom il-leħja, imbagħad erġgħu lura."

6Meta wlied Għammon raw li kisruha ma' David, Hanun u wlied Għammon bagħtu elf talent tal-fidda biex jikru mingħand Aram-naħarajm, minn Aram-magħka u minn Soba karrijiet u rikkieba;

7u krew tnejn u tletin elf karru, u s-sultan ta' Magħka u n-nies tiegħu; u ġew u waqqfu l-kamp quddiem Medeba. U wlied Għammon inġabru minn bliethom, u ġew għall-gwerra.

8U David sama' b'dan, u bagħat lil Ġowab u l-eżerċtu kollu u n-nies qalbiena.

9U l-Għammonin ħarġu u ħadu posthom għall-ġlied fil-bieb tal-belt; u s-slaten li kienu ġew tqassmu għalihom weħidhom fir-raba'.

10Meta Ġowab ra li kien mhedded minn quddiem u minn wara għażel l-aħjar min-nies kollha ta' Iżrael, u qassamhom quddiem l-Aramin.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

11U l-bqija tal-poplu ħallieh f'idejn ħuh Abisaj, u qassamhom quddiem l-Għammonin

12u qallu: "Jekk l-Aramin insibhom aqwa minni, int ejja għinni; u jekk int issib l-Għammonin aqwa minnek, niġi ngħinek jien.

13Agħmel il-ħila, u nissieltu għall-poplu tagħna u għall-ibliet ta' Alla tagħna, imbagħad il-Mulej jagħmel dak li jidhirlu li hu tajjeb."

14U Ġowab u n-nies li kellu miegħu resqu quddiem Aram biex jitqabdu; u dawn ħarbu minn quddiemu.

15U malli wlied Għammon raw li l-Aramin kienu ħarbu, ħarbu huma wkoll minn quddiem Abisaj, ħu Ġowab, u daħlu l-belt; Ġowab imbagħad mar u telaq lejn Ġerusalemm.

16Meta l-Aramin raw li marru minn taħt quddiem Iżrael, bagħtu messaġġiera u ħarġu lill-Aramin li kien hemm in-naħa l-oħra tax-xmara, u lil Sofak, il-kmandant tal-eżerċtu ta' Hadad-għeżer, miexi quddiemhom.

17David sar jaf b'dan u ġama' lil Iżrael kollu, qasam il-Ġordan u ġie għalihom. U malli David qassam l-eżerċtu quddiem l-Aramin għat-taqbida, huma ħabtu għalih.

18U l-Aramin ħarbu minn quddiem Iżrael, David qatel mill-Aramin sebat elef rikkieb tal-karrijiet u erbgħin elf raġel tal-fanterija; lil Sofak, il-kmandant tal-eżerċtu, qatlu wkoll.

19Meta l-qaddejja ta' Hadad-għeżer raw li tkissru quddiem Iżrael, għamlu paċi ma' David, u saru suġġetti għalih; u hekk l-Aramin ma ġewx aktar jgħinu lil ulied Għammon.

## 1 Kronaki 20

1U ġara li fil-bidu tas-sena, meta s-slaten is-soltu joħorġu għall-gwerra, Ġowab ħareġ bl-eżerċtu, u ħarbat l-art tal-Għammonin, imbagħad mar idawwar il-belt ta' Rabba. U David kien baqa' Ġerusalemm. U Ġowab ħabat għal Rabba u ġarrafha.

2U David qabad il-kuruna tas-sultan tagħhom minn fuq rasu, u sab li kienet tiżen talent deheb, u fiha kien hemm ħaġra prezzjuża, u tqiegħdet fuq ras David. Ha wkoll priża kbira mill-belt.

3In-nies tagħha mbagħad ħariġhom u qabbadhom jaħdmu bil-munxar, bil-bqaqen u bil-fisien tal-ħadid. Hekk għamel David lill-ibliet kollha tal-Għammonin. Imbagħad David raġa' lura lejn Ġerusalemm bl-eżerċtu kollu.

4Wara dan qam il-ġlied f'Geżer mal-Filistin. U Sibbekaj minn Husa darab lil Siffaj, li kien minn ulied ir-Refajin; u hekk il-Filistin kienu megħlubin.


© 2020 Malta Bible Society.

5U raġa' qam il-ġlied mal-Filistin; u Elħanan bin Ġajir darab lil Laħmi, ħu Gulija
l-Gatti, li kellu l-lasta tal-lanza bħal motwa tan-nissieġa.

6U raġa' qam il-ġlied f'Gatt, u kien hemm raġel twil, li kellu erbgħa u għoxrin
saba', imqassma sitta sitta. Dan ukoll kien minn nisel Rafa.

7U kien iżeblaħ lil Iżrael, imma qatlu Ġonatan bin Simgħa, ħu David.

8Dawn kienu twieldu lil Rafa f'Gatt, u mietu b'id David u b'id il-qaddejja tiegħu.

## 1 Kronaki 21

### Iċ-ċensiment ta' David

1FU x-Xitan qam kontra Iżrael, u xewwex lil David biex jgħodd lil Iżrael.

2U David qal lil Ġowab u lill-kbarat tal-poplu: Morru għoddu lil Iżrael minn
Birsaba sa Dan, u ġibuli rapport biex inkun naf l-għadd tagħhom.

3U Ġowab qallu: "Ha jkattar il-Mulej il-poplu tiegħu mitt darba daqs li hu. Jaqaw
mhux sidi s-sultan, u mhumiex huma lkoll qaddejja ta' sidi? Għala qiegħed ifittex
dan sidi? Għala għandu jkun hu li jġib il-ħtija fuq Iżrael?"

4Imma l-kelma tas-sultan għelbet lil Ġowab; u Ġowab ħareġ u dar Iżrael kollu;
imbagħad ġie Ġerusalemm.

5U Ġowab ta l-għadd taċ-ċensiment tal-poplu lil David, u Iżrael kollu kien ilaħħaq
miljun u mitt elf raġel kapaċi jislet ix-xabla, u Ġuda erba' mija u sebgħin elf raġel
kapaċi jislet ix-xabla.

6Iżda lit-tribù ta' Levi u lit-tribù ta' Benjamin ma għaddhomx magħhom, għax l-
ordni tas-sultan lil Ġowab ma għoġbux.

### Il-pesta

7Iżda Alla ma għoġbux dan u ħabat għal Iżrael.

8U David qal lil Alla: "Dnibt bil-kbir b'li għamilt; issa neħħi, nitolbok, dan il-ħażen
tal-qaddej tiegħek, għax tbellaht bis-sħiħ."

9U l-Mulej kellem lil Gad, il-veġġent ta' David, u qallu:

10"Mur u kellem lil David u għidlu: Dan jgħid il-Mulej: 'Tliet ħwejjeġ inqegħedlek
quddiemek: agħżel waħda minnhom u jien nagħmilhielek'."

11U Gad mar għand David u qallu: "Dan jgħid il-Mulej; 'Agħżel int;

12jew tliet snin għaks, jew tliet xhur maħrub minn quddiem l-għedewwa tiegħek
bix-xabla tal-għedewwa tiġri warajk, jonkella tlitt ijiem taħt ix-xabla tal-Mulej -
il-pesta fl-art, bl-anġlu tal-Mulej li jħarbat l-art kollha ta' Iżrael. Issa aħsibha u
għidli x'għandi ngħid lil min bagħatni.' "

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

13U wieġeb David lil Gad: "Inħossni f'diqa kbira: Ħalli naqa' f'id il-Mulej, għax
kbira hija l-ħniena tiegħu, imma ma rridx naqa' f'idejn il-bniedem."

14U l-Mulej bagħat il-pesta f'Iżrael. U mietu minn Iżrael sebgħin elf raġel.

15U Alla bagħat anġlu Ġerusalemm biex jeqridha; imma meta kien se jeqridha, il-
Mulej ra, u sogħob bih mid-deni, u qal lill-anġlu l-qerried: "Biżżejjed! Żomm
idek." U l-anġlu tal-Mulej dak il-ħin kien ħdejn il-qiegħa ta' Ornan il-Ġebusi.

16U David rafa' għajnejh, u ra lill-anġlu tal-Mulej qiegħed bejn art u sema bix-
xabla misluta f'idu, u mifruxa għal fuq Ġerusalemm. Imbagħad David u x-xjuħ,
liebsa x-xkejjer, niżlu wiċċhom fl-art.

17U David qal lil Alla: "Jaqaw mhux jien kont li ordnajt l-għadd tal-poplu? Mhux
jien li dnibt, u għamilt dan id-deni kollu? Imma dawn in-nagħaġ x'għamlu? Mulej
Alla tiegħi, ħa tkun, nitolbok, idek fuqi u fuq dar missieri; imma tħallix din il-
pesta fuq il-poplu tiegħek."

### L-artal fuq il-qiegħa ta' Ornan

18U l-anġlu tal-Mulej qal lil Gad biex jgħid lil David jitla' u jtalla' artal lill-Mulej
fuq il-qiegħa ta' Ornan il-Ġebusi.

19U David tala' skont il-kelma ta' Gad, li kien qallu f'isem il-Mulej.

20U Ornan dar u ra l-anġlu, u l-erba' wlied li kienu miegħu nħbew. Ornan kien
qiegħed jidres il-qamħ.

21Malli David wasal ħdejh, Ornan ħares u ra lil David, u ħareġ mill-qiegħa u niżel
wiċċu fl-art quddiem David.

22U David qal lil Ornan: "Agħtini l-post tal-qiegħa biex nibni fih artal lill-Mulej.
Agħtihuli b'kemm jiswa flus u hekk tieqaf il-pesta minn fost il-poplu."

23U Ornan wieġeb lil David: "Ħudu, ħa jagħmel sidi s-sultan dak li jidhirlu li hu l-
aħjar. Ara, nagħti l-baqar għas-sagrifiċċju tal-ħruq, u x-xatba għall-ħatab, u l-
qamħ għall-offerta; kollox nagħtik."

24U s-sultan David qal lil Ornan: "Le! Nixtrih b'kemm jiswa flus, għax ma noffrix
dak li hu tiegħek lill-Mulej, u lanqas noffri sagrifiċċji bla ħlas."

25U David ta lil Ornan għall-post sitt mitt xekel tad-deheb bl-użin.

26U David bena hemm artal lill-Mulej, u offra sagrifiċċji tal-ħruq u sagrifiċċji tas-
sliem; u sejjaħ lill-Mulej u dan wieġbu bin-nar mis-sema għal fuq l-artal tas-
sagrifiċċju tal-ħruq.

27Imbagħad il-Mulej ordna lill-anġlu, u dan daħħal ix-xabla f'għantha.

28Dak iż-żmien, meta David ra li l-Mulej wieġbu fil-qiegħa ta' Ornan il-Ġebusi,
offra sagrifiċċji hemm.


© 2020 Malta Bible Society.

29 It-tabernaklu li kien għamel Mosè fid-deżert u l-artal tas-sagrifiċċji tal-ħruq, dak iż-żmien kienu għadhom fuq l-għolja ta' Gibgħon.

30 U David ma kienx jista' jmur quddiemu jistaqsi lil Alla, għax kien jibża' mix-xabla tal-anġlu tal-Mulej.

## 1 Kronaki 22

1 U David qal: "Hawn ikun it-tempju tal-Mulej Alla, u hawn ikun l-artal għas-sagrifiċċji tal-ħruq għal Iżrael."

### Tħejjija għall-bini tat-tempju

2 David ordna li jiġbru l-barranin li kienu fl-art ta' Iżrael, u għażel minnhom naġġara biex jaqtgħu ġebel tal-qjies għall-bini tad-dar ta' Alla.

3 U David ukoll ħaseb biex ġabar ħafna ħadid għall-imsiemer, għall-battenti tal-bibien u għall-istaneg; kwantità kbira ta' bronż bla użin,

4 injam taċ-ċedru ma tgħoddux, għax is-Sidonin u t-Tirin ġiebu 'l David kwantità kbira ta' injam taċ-ċedru.

5 Għax David qal: "Salamun ibni għadu żgħir u mingħajr esperjenza. U d-dar li se tinbena lill-Mulej trid tkun kbira tassew, biex tkun imsemmija u mfaħħra fil-pajjiżi kollha; nieħu mela ħsieb jien it-tħejjija tagħha." U David qabel mewtu ħejja kulma kien meħtieġ.

6 U sejjaħ lil ibnu Salamun, u ordnalu li jibni dar lill-Mulej, Alla ta' Iżrael.

7 U qal David lil Salamun: "Ibni, jien kelli fi ħsiebi li nibni dar lil isem il-Mulej, Alla tiegħi,

8 imma l-kelma tal-Mulej waslet għandi tgħidli: 'Int xerridt demm bil-kotra, u tqabadt taqbid bil-bosta, għalhekk ma tibnix inti dar lil ismi, għaliex xerridt ħafna demm fl-art quddiemi.

9 Ara, jitwelidlek iben; hu jkun bniedem ta' sliem, u nserrħu mill-għedewwa kollha tiegħu ta' madwaru, għax ismu jkun Salamun, u nagħti sliem u kwiet lil Iżrael fiż-żmien kollu tiegħu.

10 Hu jibni dar lil ismi. Hu jkun għalija iben, u jien inkun għalih missier; u nwaqqaf it-tron tiegħu fuq Iżrael għal dejjem.'

11 "U issa, ibni, ikun miegħek il-Mulej biex tkun tiflaħ tibni dar lill-Mulej Alla tiegħek, kif tkellem fuqek.

12 Biss, jagħtik il-Mulej għaqal u dehen, biex meta jqiegħdek fuq Iżrael, int tħares il-liġi tal-Mulej, Alla tiegħek.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

13Ikollok ir-risq jekk inti tfittex li tħares il-liġijiet u l-kmandamenti li l-Mulej ordna lil Mosè għal Iżrael. Qawwi qalbek u agħmel il-ħila! Tibżax u taqtax qalbek!

14Ara, b'taħbit kbir ħejjejt għal dar il-Mulej mitt elf talent tad-deheb u miljun talent tal-fidda; u bronż u ħadid bla qjies għax hemm bil-kotra; u injam u ħaġar ħejjejt ukoll, u int tkompli żżid magħhom.

15Għandek ukoll kotra ta' ħaddiema: naġġara, bennejja, mastrudaxxi, u nies tas-sengħa bla għadd għax-xogħol

16tad-deheb, tal-fidda, tal-bronż u tal-ħadid. Qum, mela, u midd idejk; u l-Mulej ikun miegħek."

17U David ordna lill-prinċpijiet kollha ta' Iżrael biex jgħinu lil Salamun, ibnu, u qalilhom:

18"Mhux magħkom il-Mulej Alla tagħkom? Ma serraħkomx minn kullimkien? Għax hu reħa f'idejja n-nies kollha tal-pajjiż, u l-art kollha maħkuma quddiem il-Mulej u quddiem il-poplu tiegħu.

19Mela agħtu ruħkom u qalbkom biex tfittxu l-Mulej Alla tagħkom. Qumu u ibnu s-santwarju tal-Mulej Alla biex l-arka tal-patt tal-Mulej u t-tagħmir imqaddes ta' Alla jinġiebu fid-dar li se tinbena lil isem il-Mulej."

## 1 Kronaki 23

### It-tqassim tal-Leviti

1David, xiħ u mimli bl-għomor, għamel lil Salamun, ibnu, sultan fuq Iżrael.

2U ġabar il-prinċpijiet kollha ta' Iżrael u l-qassisin u l-Leviti.

3U għadd il-Leviti minn tletin sena 'l fuq; l-għadd tagħhom, wieħed wieħed, kien ta' tmienja u tletin elf wieħed.

4Minn dawn erbgħa u għoxrin elf kellhom jieħdu ħsieb ix-xogħol ta' dar il-Mulej; u sitt elef ikunu uffiċjali u mħallfin;

5erbat elef purtinara u erbat elef jagħtu tifħir lill-Mulej bl-istrumenti li kien għamel għat-tifħir.

6David imbagħad qassamhom f'taqsimiet skont ulied Levi: Gersun, Keħat u Merari.

7Mill-Gersunin kien hemm: Lagħdan u Simgħi.

8Ulied Lagħdan: Ġeħijel il-kap, Żetam, Ġoel, tlieta kollox.

9Ulied Simgħi: Selomot, Hażijel, Haran, tlieta kollox. Dawn kienu l-kapijiet tal-familji ta' Lagħdan.


© 2020 Malta Bible Society.

10U wlied Simgħi kienu: Ġaħat, Żina, Ġegħus u Berigħa. Dawn kienu wlied Simgħi, erbgħa kollox.

11U Ġaħat kien il-kap, u Żiża t-tieni, Ġegħus u Berija ma kellhomx ħafna tfal, għalhekk kienu magħdudin b'familja waħda għal xogħol wieħed.

12Ulied Keħat: Għamram, Isħar, Hebron, Għużżijel, erbgħa kollox.

13Ulied Għamram: Aron u Mosè. Aron kien magħżul biex jikkonsagra l-aktar ħwejjeġ qaddisa, hu u wliedu, għal dejjem: jiġifieri jaħarqu l-inċens quddiem il-Mulej, li jservu quddiemu, u jbierku f'ismu għal dejjem.

14Mosè, il-bniedem ta' Alla, uliedu kienu magħduda mat-tribù ta' Levi.

15Ulied Mosè: Gersum u Eligħeżer.

16Ulied Gersum: Sebuwel, il-kap.

17U wlied Eligħeżer kienu Reħabija, il-kap; Eligħeżer ma kellux tfal aktar, imma wlied Reħabija kienu ħafna.

18Ulied Isħar: Selomit, il-kap.

19Ulied Hebron: Ġerija, il-kap; Amarija, it-tieni; Ġaħsijel, it-tielet; Ġekamgħam, ir-raba'.

20Ulied Għużżijel: Mika, il-kap; Issija, it-tieni.

21Ulied Merari: Maħli u Musi. Ulied Maħli, Elgħażar u Kis.

22Elgħażar miet u ma kellux subien, imma bniet; u żżewġuhom ħuthom, ulied Kis.

23Ulied Musi kienu Maħli, Għeder, u Ġeremot, tlieta kollox.

24Dawn kienu wlied Levi skont il-familji ta' missirijiethom, il-kapijiet tal-familji ta' missirijiethom kif kienu magħduda, wieħed wieħed, skont isimhom. Kienu jagħmlu x-xogħol tas-servizz f'dar il-Mulej minn għoxrin sena 'l fuq.

25Għax David qal: "Il-Mulej, Alla ta' Iżrael, ta l-mistrieħ lill-poplu tiegħu, u hu għamel l-għamara tiegħu f'Ġerusalemm għal dejjem.

26Għalhekk il-Leviti ma għandhomx għalfejn iġorru t-tabernaklu u t-tagħmir għas-servizz tiegħu."

27Għaliex skont l-aħħar kliem ta' David, il-Leviti jingħaddu minn għoxrin sena 'l fuq.

28Ix-xogħol tagħhom kien li jgħinu lil ulied Aron fis-servizz tad-dar tal-Mulej fil-btieħi, fil-kmamar, fit-tindif ta' kulma hu kkonsagrat, u kull xogħol ieħor fis-servizz tad-dar ta' Alla.


© 2020 Malta Bible Society.

29Kellhom jieħdu ħsieb il-ħobż tal-preżenza, kull ħami fit-taġen, l-offerta mħallta biż-żejt, u kull użin u kejl.

30Kull filgħodu kellhom imorru jroddu ħajr u jfaħħru lill-Mulej, u hekk ukoll filgħaxija,

31u wkoll kull meta kienu jkunu offruti lill-Mulej is-sagrifiċċji tal-ħruq fis-Sibtijiet, fil-qamar ġdid u fil-festi, skont in-numru li jkun imisshom skont il-Liġi għal dejjem quddiem il-Mulej.

32Kellhom jieħdu ħsieb is-servizz fit-tinda tal-laqgħa, is-servizz tal-ħwejjeġ sagri, u s-servizz ta' wlied Aron, ħuthom fis-servizz ta' dar il-Mulej.

## 1 Kronaki 24

### It-tqassim tal-qassisin

1Ulied Aron kienu mqassma hekk: Ulied Aron kienu: Nadab, Abiħu, Elgħażar u Itamar.

2Nadab u Abiħu mietu qabel missierhom, u ma kellhomx tfal, għalhekk Elgħażar u Itamar għamluha ta' qassisin.

3David bl-għajnuna ta' Sadok minn ulied Elgħażar, u Aħimelek minn ulied Itamar, qassamhom skont ix-xogħol tagħhom fis-servizz.

4U billi fost ulied Elgħażar instabu kapijiet irġiel aktar milli minn fost ulied Itamar, qassmuhom hekk: minn ulied Elgħażar, skont il-kapijiet ta' dar missirijiethom, sittax-il wieħed; u lil ulied Itamar, skont id-djar ta' missirijiethom, tmienja.

5Qassmuhom bix-xorti, wieħed bħall-ieħor, għax kien hemm prinċpijiet tas-santwarju u prinċpijiet ta' Alla, kemm minn ulied Elgħażar kemm minn ulied Itamar.

6Semajja bin Netanjel, l-iskriba, minn Levi, kitibhom quddiem is-sultan u l-prinċpijiet, u Sadok, il-qassis, u Aħimelek bin Ebijatar, u l-kapijiet tad-djar ta' missirijiet il-qassisin u l-Leviti; dar waħda kienet magħżula għal Elgħażar, u oħra għal Itamar.

7L-ewwel xorti li telgħet messet lil Ġeħojarib; it-tieni lil Ġedajja;

8it-tielet lil Harim; ir-raba' lil Segħorim;

9il-ħames lil Malkija; is-sitta lil Mijjamin;

10is-seba' lil Hakkus; it-tmienja lil Abija;

11id-disa' lil Ġożwè; l-għaxra lil Sekanija;

12il-ħdax lil Eljasib; it-tnax lil Ġakim;

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[13]it-tlittax lil Huffa; l-erbatax lil Ġesebab;

[14]il-ħmistax lil Bilga; is-sittax lil Immer;

[15]is-sbatax lil Heżir; it-tmintax lil Haffisses;

[16]id-dsatax lil Petaħija; l-għoxrin lil Eżekjel;

[17]il-wieħed u għoxrin lil Ġakin; it-tnejn u għoxrin lil Gamul;

[18]it-tlieta u għoxrin lil Delaja; l-erbgħa u għoxrin lil Magħżija.

[19]Hekk qassmuhom għax-xogħol li kellhom jagħmlu fis-servizz tagħhom meta jidħlu f'dar il-Mulej, skont ma jkun imisshom kif qassamhom Aron missierhom fuq l-ordni tal-Mulej, Alla ta' Iżrael.

[20]Il-bqija ta' wlied Levi kienu: minn ulied Għamram: Subajel; minn ulied Subajel: Ġeħdija

[21]ta' Reħabija; minn ulied Reħabija; Issija, il-kap.

[22]Mill-Isħarin: Selomot; minn ulied Selomot: Ġaħat.

[23]U minn ulied Hebron: Ġerija, il-kap; Amarija, it-tieni; Ġaħsijel, it-tielet; Ġekamgħam, ir-raba'.

[24]Minn ulied Għużżijel: Mika; u minn ulied Mika: Samur.

[25]Ħu Mika: Issija; u minn ulied Issija: Żakkarija.

[26]Ulied Merari: Maħli u Musi. Ulied Ġagħżija: Benu.

[27]Ulied Merari, minn Għużżijel: Benu, Soħam, Żakkur, u Għibri.

[28]Minn Maħli: Elgħażar, li ma kellux tfal.

[29]Minn Kis, ulied Kis; Ġeraħmijel.

[30]U wlied Musi: Maħli, Għeder, Ġerimot. Dawn kienu wlied il-Leviti, skont id-djar ta' missirijiethom.

[31]Dawn ukoll tellgħu x-xorti bħal ħuthom ulied Aron, quddiem is-sultan David, Sadok u Aħimelek, u l-kapijiet tal-familja tal-qassisin u l-Leviti mill-kapijiet il-kbar sa ħuthom iż-żgħar.

## 1 Kronaki 25

### Il-kant u l-mużika

[1]David u l-kapijiet tas-servizz qassmu wkoll għas-servizz lil ulied Asaf, Heman u Ġedutun, li kellhom jipprofetizzaw biċ-ċetri, bl-arpi, u bil-platti. Dan hu l-għadd tan-nies tax-xogħol skont is-servizz tagħhom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

2Minn ulied Asaf: Żakkur, Ġużeppi, Netanija, Asarela, ulied Asaf, taħt it-tmexxija
ta' Asaf, li kien jipprofetizza skont l-ordni tas-sultan.

3Minn Ġedutun, ulied Ġedutun: Gedalija, Seri, Isaija, Simgħi, Hasabija, Mattitija,
sitta kollox, taħt id-direzzjoni ta' missierhom Ġedutun, li kienu jipprofetizzaw
biċ-ċetra b'radd il-ħajr u tifħir lill-Mulej.

4Minn Heman, Ulied Heman: Bukkija, Mattanija, Għużżijel, Sebuwel, u Ġerimot,
Ħananija, Hanani, Eljata, Giddalti u Romamti-għeżer, Ġosbeksa, Malloti, Hotir,
Maħażijot.

5Dawn kollha kienu wlied Heman, il-veġġent tas-sultan fil-ħwejjeġ ta' Alla; u biex
ikattarlu ġieħu, skont ma kien wiegħdu, Alla tah erbatax-il tifel u tlitt ibniet.

6Dawn kollha kienu taħt id-direzzjoni ta' missierhom fil-kant f'dar il-Mulej,
imsieħeb mill-platti, l-arpi u ċ-ċetri, għas-servizz tad-dar ta' Alla taħt id-
direzzjoni tas-sultan, Asaf, Ġedutun, u Heman.

7L-għadd tagħhom, flimkien ma' dak ta' ħuthom imħarrġa fil-kant lill-Mulej,
ilkoll jinqalgħu, kien ta' mitejn u tmienja u tmenin.

8U huma lkoll, kbar u żgħar, imgħallem u skular, ilkoll xorta, tellgħu x-xorti għat-
tqassim tas-servizz.

9L-ewwel xorti li telgħet messet lil Ġużeppi minn Asaf; it-tieni messet lil Gedalija,
hu flimkien ma' ħutu u wliedu, tnax kollox;

10it-tielet messet lil Żakkur, uliedu u ħutu, tnax kollox;

11ir-raba' messet lil Isri, uliedu u ħutu, tnax kollox;

12il-ħames messet lil Netanija, uliedu u ħutu, tnax kollox;

13is-sitta lil Bukkija, uliedu u ħutu, tnax kollox;

14is-seba' lil Asarel, uliedu u ħutu, tnax kollox;

15it-tmienja lil Isaija, uliedu u ħutu, tnax kollox;

16id-disa' lil Mattanija, uliedu u ħutu, tnax kollox;

17l-għaxra lil Simgħi, uliedu u ħutu, tnax kollox;

18il-ħdax lil Għażarel, uliedu u ħutu, tnax kollox;

19it-tnax lil Hasabija, uliedu u ħutu, tnax kollox;

20it-tlittax lil Subajel, uliedu u ħutu, tnax kollox;

21l-erbatax lil Mattitija, uliedu u ħutu, tnax kollox;

22il-ħmistax lil Ġerimot, uliedu u ħutu, tnax kollox;


© 2020 Malta Bible Society.

23is-sittax lil Hananija, uliedu u ħutu, tnax kollox;

24is-sbatax lil Ġosbeksa, uliedu u ħutu, tnax kollox;

25it-tmintax lil Hanani, uliedu u ħutu, tnax kollox;

26id-dsatax lil Malloti, uliedu u ħutu, tnax kollox;

27l-għoxrin lil Elijata, uliedu u ħutu, tnax kollox;

28il-wieħed u għoxrin lil Hotir, uliedu u ħutu, tnax kollox;

29it-tnejn u għoxrin lil Giddalti, uliedu u ħutu, tnax kollox;

30it-tlieta u għoxrin lil Maħżijot, uliedu u ħutu, tnax kollox;

31l-erbgħa u għoxrin lil Romamti-għeżer, uliedu u ħutu, tnax kollox.

## 1 Kronaki 26

### Il-purtinara

1Dan kien it-tqassim tal-purtinara: mill-Koraħin kien hemm: Meselemija bin
Kore minn Ebijasaf.

2U Meselemija kellu dawn l-ulied: Żakkarija, il-kbir; Ġedigħajel, it-tieni; Żebadija,
it-tielet; Ġatnijel, ir-raba';

3Għelam, il-ħames; Ġeħoħanan, is-sitta; Eljeħugħenaj, is-seba'.

4Għobededom kellu dawn l-ulied: Semajja, il-kbir; Ġeħożabad, it-tieni; Ġowaħ,
it-tielet; Sakar, ir-raba'; Netanjel, il-ħames;

5Għammijel, is-sitta; Issakar, is-seba'; Pegħulletaj, it-tmienja; għax Alla kien
bierku.

6U Semajja, ibnu, twildulu wlied li kienu jaħkmu fuq il-familji ta' missirijiethom,
għax kienu rġiel ta' ħila kbira.

7Ulied Semajja kienu: Għotni, Refel, Għobed, Elżabad, li ħutu kienu nies ta' ħila,
Eliħu u Semakija.

8Dawn kienu kollha minn ulied Għobededom, huma u wliedhom u ħuthom, nies
ta' ħila, tajbin għas-servizz - tnejn u sittin minn Għobededom.

9U Meselemija kellu wlied u aħwa, nies ta' ħila - tmintax kollox.

10U Hosa, minn ulied Merari, kellu wliedu: Simri, il-kap, għax għalkemm ma
kienx il-kbir, missieru għamlu kap;

11Hilkija, it-tieni; Tebalija, it-tielet; Żakkarija, ir-raba'; l-ulied kollha ta' Hosa u
ħutu kienu tlittax.


© 2020 Malta Bible Society.

12 Dawn kienu t-taqsimiet tal-purtinara skont il-kapijiet tagħhom; kellhom is-servizz tagħhom bħalma ħuthom kienu jservu fid-dar tal-Mulej.

13 U huma tellgħu x-xorti għal kull bieb skont id-djar ta' missirijiethom, ilkoll xorta, kbar u żgħar.

14 U x-xorti tan-naħa tal-Lvant messet lil Selemija. Tellgħu x-xorti għal Żakkarija ibnu, kunsillier għaqli, u x-xorti messitu n-naħa tat-Tramuntana.

15 Lil Għobededom messitu n-naħa tan-Nofsinhar, u lil ibnu u lil uliedu messithom id-dar tal-imħażen.

16 Lil Suffim u lil Ħosa n-naħa tal-Punent, il-bieb ta' Salleket, fit-triq tat-telgħa, għassa biswit għassa.

17 Fuq in-naħa tal-Lvant kien hemm sitt Leviti kuljum, in-naħa tat-Tramuntana erbgħa kuljum, in-naħa tan-Nofsinhar erbgħa kuljum, u fl-imħażen kien hemm tnejn u tnejn.

18 U tnejn tal-Parbar fuq il-Punent, erbgħa ħdejn it-triq, u tnejn għall-Parbar.

19 Dan kien it-taqsim tal-purtinara minn fost ulied Koraħ u wlied Merari.

20 Il-Leviti, ħuthom, kellhom jieħdu ħsieb l-imħażen tad-dar ta' Alla, u l-imħażen tal-offerti mqaddsa.

21 Ulied Lagħdan, ulied il-Gersunin minn Lagħdan, il-kapijiet ta' djar missirijiethom minn Lagħdan il-Gersuni: Ġeħijeli.

22 U wlied Ġeħijeli, Żetan u Ġoel, ħuh, kellhom jieħdu ħsieb l-imħażen ta' dar il-Mulej.

23 Mill-Għamramin, l-Isħarin, il-Ħebronin, l-Għużżijelin,

24 Sebuwel bin Gersum bin Mosè kien suprentendent tal-imħażen.

25 U minn ħutu minn Eligħeżer: Reħabija, u ibnu Isaija; Ġoram, ibnu; Żikri, ibnu; Selomot, ibnu.

26 Dan Selomot u ħutu kellhom jieħdu ħsieb il-ħażniet kollha tal-offerti mqaddsa, li s-sultan David u l-kapijiet tal-familji, u l-kmandanti tal-eluf u l-mijiet, u l-ġenerali tal-eżerċtu, kienu kkonsagraw.

27 Kienu kkonsagrawhom mid-dħul tal-gwerra u l-priżi għall-manutenzjoni ta' dar il-Mulej.

28 U kulma kien ikkonsagra Samwel, il-veġġent, Sawl bin Kis, Abner bin Ner, u Ġowab bin Seruja - dawn il-ħwejjeġ kollha kkonsagrati kienu fi ħsieb Selomot u ħutu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[29]Mill-Isħarin, Kenanija u wliedu kellhom jieħdu ħsieb l-affarijiet ċivili ta' Iżrael, bħala kummissarji u mħallfin.

[30]Mill-Hebronin, Hasabija u ħutu, elf u seba' mitt raġel ta' ħila kbira, kellhom jieħdu ħsieb Iżrael, in-naħa tal-Punent tal-Ġordan, fil-ħwejjeġ kollha tal-Mulej u s-servizz tas-sultan.

[31]Mill-Hebronin, Ġerija kien il-kap tal-Hebronin skont nisilhom u d-djar ta' missirijiethom. Fis-sena erbgħin tas-saltna ta' David bdew ifittxu u sabu f'nofshom nies ta' ħila kbira f'Ġagħżer ta' Gilgħad.

[32]Is-sultan David, lilu u ħutu - elfejn u seba' mitt raġel ta' ħila, kapijiet ta' djar missirijiethom - tahom is-setgħa fuq ir-Rubenin, il-Gadin u nofs it-tribù ta' Manassi, biex jieħdu ħsieb kulma kellu x'jaqsam mal-Mulej u jmiss lis-sultan.

## 1 Kronaki 27

### L-eżerċtu u l-amministrazzjoni ċivili

[1]Dan hu l-għadd ta' wlied Iżrael, il-kapijiet ta' djar il-missirijiet, il-kmandanti tal-eluf u l-mijiet, u l-fizzjali li kienu jservu lis-sultan f'dak kollu li kellu x'jaqsam mat-taqsimiet tal-eżerċtu, li kienu jidħlu u joħorġu, waħda wara l-oħra, minn xahar għal xahar, matul is-sena. Kull taqsima kien fiha erbgħa u għoxrin elf ruħ.

[2]Fuq l-ewwel taqsima għall-ewwel xahar kien hemm Ġasobgħam bin Żabdijel. U t-taqsima tiegħu kien fiha erbgħa u għoxrin elf ruħ.

[3]Kien hemm ulied Pereż, u kien kap fuq il-kmandanti kollha tal-eżerċtu għall-ewwel xahar.

[4]Fuq it-taqsima għat-tieni xahar kien hemm Elgħażar bin Dodaj l-Aħoħi; fit-taqsima tiegħu kien hemm erbgħa u għoxrin elf ruħ.

[5]Kmandant tat-tielet taqsima għat-tielet xahar kien Benajja bin Ġeħojada, il-qassis, bħala kap. It-taqsima tiegħu kien fiha erbgħa u għoxrin elf ruħ.

[6]Dan Benajja kien raġel qalbieni fost it-tletin u fuq it-tletin; u Għam-miżabad, ibnu, kien inkarigat mit-taqsima tiegħu.

[7]Ir-raba', għar-raba' xahar, kien hemm Għaxajel, ħu Ġowab, u warajh Żebadija ibnu. Fit-taqsima tiegħu kien hemm erbgħa u għoxrin elf ruħ.

[8]Il-ħames, għall-ħames xahar, kien hemm il-kmandant Samħut l-Eżraħi; u fit-taqsima tiegħu kien hemm erbgħa u għoxrin elf ruħ.

[9]Is-sitta, għas-sitt xahar, Għira bin Għikkes it-Tekugħi; u fit-taqsima tiegħu kien hemm erbgħa u għoxrin elf ruħ.

[10]Is-seba', għas-seba' xahar, Heles il-Peluni, minn ulied Efrajm; u fit-taqsima tiegħu kien hemm erbgħa u għoxrin elf ruħ.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

11 It-tmienja, għat-tmien xahar, Sibbekaj il-Ħusati taż-Żeraħin; u fit-taqsima tiegħu kien hemm erbgħa u għoxrin elf ruħ.

12 Id-disa’, għad-disa’ xahar, kien hemm Abigħeżer l-Għanatoti, mill-Benjaminin; u fit-taqsima tiegħu kien hemm erbgħa u għoxrin elf ruħ.

13 L-għaxra, għall-għaxar xahar, kien hemm Maħaraj, in-Netufi, miż-Żeraħin; u fit-taqsima tiegħu kien hemm erbgħa u għoxrin elf ruħ.

14 Il-ħdax, għall-ħdax-il xahar, kien hemm Banajja l-Piragħtuni, minn ulied Efrajm; u fit-taqsima tiegħu kien hemm erbgħa u għoxrin elf ruħ.

15 It-tnax, għat-tnax-il xahar, kien hemm Ħeldaj, in-Netufi, minn Għotnijel; u fit-taqsima tiegħu kien hemm erbgħa u għoxrin elf ruħ.

16 Dawn kienu l-kapijiet fuq it-tribujiet ta’ Iżrael: fuq ir-Rubenin kien hemm il-prinċep Eligħeżer bin Żikri; fuq is-Simgħonin, Sefatija bin Magħka;

17 fuq il-Leviti, Ħasabija bin Kemuwel; u fuq nies Aron, Sadok;

18 fuq Ġuda, Eliħu, minn ħut David; fuq Issakar, Għomri bin Mikiel;

19 fuq Żebulun, Ismajja bin Għobadija; fuq Naftali, Ġeremot bin Għażrijel;

20 fuq Efrajm, Ħosegħa bin Għażażija; fuq nofs it-tribù ta’ Manassi, Ġoel bin Pedaja;

21 fuq in-nofs l-ieħor tat-tribù ta’ Manassi f’Gilgħad, Iddu bin Żakarija; fuq Benjamin, Ġagħsijel bin Abner;

22 fuq Dan, Għażarel bin Ġeroħam. Dawn kienu l-prinċpijiet tat-tribujiet ta’ Iżrael.

23 Dawk li kellhom minn għoxrin sena ’l isfel David ma għaddhomx għax il-Mulej kien wiegħed li jkattar lil Iżrael bħall-kwiekeb tas-sema.

24 Ġowab bin Seruja beda jgħodd, imma ma spiċċax, għax minħabba f’hekk waqgħet il-korla fuq Iżrael, u anqas l-għadd ma kien imniżżel fi Ktieb il-Ġrajja tas-Sultan David.

25 U biex jieħu ħsieb il-ħażniet tas-sultan kien hemm Għażmawet bin Għaddijel; u Ġonatan bin Għużżija kien jieħu ħsieb il-ħażniet li kellu fir-raba’, fl-ibliet, u fl-irħula u fit-torrijiet.

26 Għeżri bin Kelub kien jieħu ħsieb il-ħaddiema tar-raba’, li kienu jaħdmu l-art.

27 U fuq l-oqsma tad-dwieli kien hemm Simgħi r-Rami; u Żabdi s-Sifmi kien jieħu ħsieb il-ħażniet tal-inbid f’dawn l-oqsma.

28 U fuq l-oqsma taż-żebbuġ u tal-ġummajż fis-Sefela kien hemm Bagħal-ħanan il-Gederi; u Ġowas kien jieħu ħsieb il-ħażniet taż-żejt.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

29Jieħu ħsieb il-baqar li kienu jirgħu f'Saron kien hemm Sitraj is-Saroni; u l-baqar li kienu fil-widien kien jieħu ħsiebhom Safat bin Għadlaj.

30Fuq l-iġmla kien hemm Obil l-Ismagħeli; u fuq il-ħmariet kien hemm Ġeħdeja l-Meronoti.

31Fuq l-imrieħel kien hemm Ġażiż il-Hagri. Dawn kollha kienu jieħdu ħsieb il-ġid li kellu s-sultan David.

32Ġonatan, iz-ziju ta' David, bniedem jilħaqlu u segretarju, kien kunsillier; u hu u Ġeħijel bin Hakmoni kienu jieħdu ħsieb ulied is-sultan.

33U Aħitofel kien kunsillier tas-sultan u Husaj l-Arki kien ħabib tas-sultan.

34Wara Aħitofel laħaq Ġeħojada bin Banajja, u Abjatar. Il-kmandant tal-eżerċtu tas-sultan kien Ġowab.

## 1 Kronaki 28

### L-aħħar laqgħa f'Ġerusalemm

1U David laqqa' f'Ġerusalemm il-kapijiet kollha ta' Iżrael, il-kapijiet tat-tribujiet, il-kapijiet tat-taqsim għas-servizz tas-sultan, il-kmandanti tal-eluf u tal-mijiet, l-uffiċjali li kienu jieħdu ħsieb il-ġid u l-imrieħel tas-sultan u wliedu, flimkien mal-uffiċjali tal-palazz u l-qalbenin u l-gwerriera qalbiena.

2Is-sultan David qam fuq riġlejh u qal: "Isimgħu, intom ħuti u l-poplu tiegħi! Jien kont bi ħsiebni nibni dar għall-mistrieħ tal-arka tal-patt tal-Mulej, u l-mirfes ta' riġlejn Alla tagħna, u kont lestejt kollox għall-bini.

3Imma Alla qalli: 'Int ma tibnix dar lil ismi, għax int bniedem tal-ġlied, u xerridt id-demm.'

4Imma l-Mulej, Alla ta' Iżrael, għażilni minn fost dar missieri li nkun sultan fuq Iżrael għal dejjem. Għax hu għażel lil Ġuda bi prinċep, u mid-dar ta' Ġuda, id-dar ta' missieri, u minn fost ulied missieri għoġbu jagħmel lili sultan fuq Iżrael kollu.

5"U minn fost uliedi kollha - għax il-Mulej tani kotra ta' wlied - hu għażel lil Salamun, ibni, biex joqgħod fuq it-tron tas-saltna tal-Mulej fuq Iżrael.

6"U qalli: 'Salamun, ibnek, hu jibni dari u l-btieħi tiegħi, għax lilu ħtart b'ibni, u jien inkun għalih missier.

7U jien inwettaqlu għal dejjem is-saltna tiegħu, jekk jibqa' sħiħ fil-fehma tiegħu li jagħmel il-liġijiet u l-ordnijiet tiegħi, bħalma għamel sal-lum.'

8"Mela issa hawn quddiem Iżrael kollu, il-ġemgħa tal-Mulej, u quddiem Alla tagħna li qiegħed jismagħna; ħarsu u fittxu l-liġijiet kollha tal-Mulej, Alla tagħkom, sabiex tibqgħu żżommu f'idejkom din l-art għammiela u tgħadduha b'wirt lil uliedkom warajkom għal dejjem.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

9“U inti, Salamun, ibni, agħraf ’l Alla ta’ missierek u aqdih b’qalbek sħiħa u b’rieda
soda għaliex il-Mulej jistħarreġ il-qlub u jifhem kull għamla ta’ ħsieb. Jekk inti
tfittxu, iħallik issibu; imma jekk int titilqu, hu jwarrbek għal dejjem.

10Ara, issa li l-Mulej għażlek biex tibnilu dar bħala santwarju, agħmel il-qalb u
ibda!”

11U David ta lil Salamun, ibnu, il-mudell tal-portiku, tal-bini stess, l-imħażen, il-
kmamar ta’ fuq, il-kmamar ta’ ġewwa, u l-kamra tal-propizjatorju.

12Tah il-mudell ta’ kulma kellu f’moħħu dwar il-btieħi ta’ dar il-Mulej u tal-
kmamar kollha dawramejt għall-ħażniet tad-dar ta’ Alla u għall-ħażniet tal-
offerti mqaddsa;

13għat-taqsim tal-qassisin u l-Leviti, u x-xogħol kollu tas-servizz ta’ dar il-Mulej
u t-tagħmir għas-servizz ta’ dar il-Mulej.

14Qallu wkoll l-użin tad-deheb meħtieġ għal kull tagħmir għal kull servizz, u l-
użin tal-fidda għat-tagħmir kollu tal-fidda għal kull servizz;

15l-użin tad-deheb għall-imnariet tad-deheb u l-imsiebaħ tagħhom tad-deheb, u
l-użin tal-fidda tal-imnariet tal-fidda, bl-użin ta’ kull imnara u l-imsiebaħ tagħha,
skont l-użu ta’ kull imnara fis-servizz.

16U mbagħad l-użin tad-deheb meħtieġ għall-imwejjed tal-ħobż tal-preżenza u
tal-fidda għall-imwejjed tal-fidda;

17il-mudell tal-frieket, tal-bwieqi, tat-tazzi tad-deheb fin; u tal-buqari tad-deheb,
bl-użin għal kull buqar, u għall-buqari tal-fidda skont l-użin ta’ kull buqar;

18mudell għall-artal tal-inċens, deheb fin bl-użin; u l-mudell tal-karru tal-
kerubini tad-deheb, li kellhom jgħattu l-arka tal-patt bi ġwenħajhom mifruxa.

19Dan kollu għarrfu bil-miktub, minn id il-Mulej, ix-xogħol kollu li kellu jsir skont
il-mudell.

20U David qal lil ibnu Salamun: “Agħmel il-ħila, agħmel il-qalb u idħol għax-
xogħol! La tibżax, u la taqtax qalbek, għax il-Mulej, Alla tiegħi, miegħek. Mhux se
jħallik u anqas jitilqek sa ma ttemm ix-xogħol għas-servizz ta’ dar il-Mulej.

21“Hawn ukoll it-taqsimiet tal-qassisin u l-Leviti għas-servizz kollu tad-dar ta’
Alla; għandek ukoll għal kull xogħol nies jinqalgħu u lesti minn qalbhom għal
kull xogħol; u l-kapijiet u l-poplu kollu joqogħdu għal kliemek.”

## 1 Kronaki 29

### David iħeġġeġ il-poplu


© 2020 Malta Bible Society.

1U David kellem lill-ġemgħa kollha: "Ibni Salamun - lilu waħdu Alla għażel -
għadu tfajjel u dgħajjef, u x-xogħol hu kbir, għax dan mhuwiex xi palazz għal xi
bniedem, imma għall-Mulej Alla.

2Jien għamilt kulma stajt u ħejjejt kollox għad-dar ta' Alla tiegħi, id-deheb għall-
oġġetti tad-deheb, u l-fidda għall-oġġetti tal-fidda, bronż għall-oġġetti tal-bronż,
ħadid għall-oġġetti tal-ħadid, injam għall-oġġetti tal-injam, kwantità kbira ta'
ħaġar tal-oniċi u ħaġar ieħor għall-ingastar, irħam aħdar u kkulurit, kull xorta
oħra ta' ħaġar prezzjuż u rħam bil-kotra.

3"U aktar, minħabba l-għaxqa tiegħi bid-dar ta' Alla tiegħi, kulma għandi tad-
deheb u l-fidda tajtu lid-dar ta' Alla, minbarra dak li lestejt għas-santwarju:

4tlitt elef talent tad-deheb, deheb ta' Ofir, u sebat elef talent tal-fidda fina għall-
kisi tal-ħitan tas-swali;

5deheb għall-oġġetti tad-deheb, u fidda għall-oġġetti tal-fidda għal kull xogħol
tan-nies tas-sengħa. Min hu issa lest li jersaq b'idejh mimlija u jagħti minn qalbu
offerta lill-Mulej?"

6U l-kapijiet tad-djar ta' missirijiethom, il-kapijiet tat-tribujiet ta' Iżrael, u l-
kmandanti tal-eluf u tal-mijiet, u s-suprentendenti tax-xogħol tas-sultan tħajru,

7u offrew minn rajhom għas-servizz tad-dar ta' Alla ħamest elef talent u għaxart
elef darik tad-deheb, għaxart elef talent tal-fidda, tmintax-il elf talent tal-bronż
u mitt elf talent tal-ħadid.

8U kull min sab li kellu ħaġar prezzjuż, tah f'idejn Ġeħijel il-Gersuni għat-teżor
ta' dar il-Mulej.

9U l-poplu feraħ bl-offerti minn rajhom, għax tassew taw minn qalbhom lill-
Mulej, u feraħ ukoll David is-sultan b'ferħ kbir.

10U David bierek il-Mulej quddiem il-ġemgħa kollha u qal: "Imbierek int, Mulej,
Alla ta' Iżrael, missierna, minn dejjem għal dejjem.

11Tiegħek, Mulej, il-kobor u l-qawwa, il-ġieħ, is-sebħ u t-tifħir: kulma hemm fis-
sema u fl-art. Tiegħek is-saltna, Mulej, int kap fuq kulħadd.

12Minnek l-għana u s-sebħ; int taħkem fuq kollox. F'idejk il-qawwa u s-saħħa;
f'idejk is-setgħa li tkabbar u 'l kulħadd issaħħaħ.

13U issa nfaħħruk, Alla tagħna, u nsebbħu l-isem glorjuż tiegħek.

14"Iva, jien min jien u min hu dan il-poplu tiegħi biex stajna nagħtu daqshekk
minn rajna? Għax kollox minnek ġej; u minn idejk nagħtuh lilek.

15Għax tassew frustieri aħna quddiemek, u barranin bħalma kienu missirijietna.
Bħad-dell għomorna fuq l-art, u m'hemm xejn sod.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

16“Mulej Alla tagħna, dan il-ġid kollu li ħejjejna għall-bini ta’ dar għall-isem
qaddis tiegħek, minn idejk ġej, u kollu hu tiegħek.

17“Jiena naf, Alla tiegħi, li int tgħarbel il-qalb, u titgħaxxaq bis-sewwa. Jien b’qalb
sinċiera tajt dan kollu minn rajja, u issa qiegħed nara dan il-poplu tiegħek li
jinsab hawn joffrilek dan kollu ferħan minn qalbu.

18“Mulej, Alla ta’ Abraham, Iżakk, u Iżrael, missirijietna, żomm din il-fehma u
ħsibijiet f’qalb il-poplu tiegħek, u iġbdilhom qalbhom lejk.

19“Lil ibni Salamun agħtih qalb sħiħa, biex iħares il-kmandamenti, il-preċetti u l-
liġijiet tiegħek, u biex jagħmel minn kollox u jibni l-palazz li jien ħejjejt.”

20U David imbagħad qal lill-ġemgħa kollha: “Bierku lill-Mulej Alla tagħkom.” U l-
ġemgħa kollha bierket lill-Mulej, Alla ta’ missirijiethom, u baxxew rashom u
niżlu wiċċhom fl-art quddiem il-Mulej u quddiem is-sultan.

21U l-għada ta’ dak il-jum offrew vittmi lill-Mulej u sagrifiċċji tal-ħruq: elf gendus,
elf muntun, elf ħaruf, bil-libazzjonijiet tagħhom, u kotra kbira ta’ vittmi għal
Iżrael kollu.

22U kielu u xorbu dakinhar b’ferħ kbir quddiem il-Mulej, u għamlu lil Salamun
bin David, sultan għat-tieni darba, u dilkuh prinċep quddiem il-Mulej, u lil Sadok
bħala qassis.

23U Salamun qagħad fuq it-tron tal-Mulej bħala sultan flok David missieru, u
kellu r-riżq; u Iżrael kollu kien jisma’ minnu.

24U l-kapijiet kollha u l-qalbiena u l-ulied kollha tas-sultan David qagħdu għas-
sultan Salamun.

25U l-Mulej kabbar u għolla lil Salamun quddiem Iżrael kollu, u xeħet fuqu l-
glorja ta’ saltna, li qatt qablu ma kellu ebda sultan fuq Iżrael.

26U David bin Ġesse saltan fuq Iżrael kollu;

27u ż-żmien li saltan fuq Iżrael kien ta’ erbgħin sena: għal seba’ snin saltan
f’Hebron, u għal tlieta u tletin sena f’Ġerusalemm.

28U miet bi kwietu fi xjuħitu, mimli bl-għomor, bl-għana, u bil-glorja; u beda
jsaltan floku Salamun, ibnu.

29U l-ġrajja ta’ David, mill-bidu sal-aħħar, jinsabu miktuba fil-ġrajja ta’ Samwel
il-veġġent, u l-ġrajja ta’ Natan il-profeta, u l-ġrajja ta’ Gad il-veġġent,

30flimkien mas-saltna tiegħu kollha, l-għemejjel qalbiena tiegħu, u kulma għadda
minn għalih u minn Iżrael kollu u mis-saltniet kollha tal-artijiet l-oħra ta’
madwaru.


© 2020 Malta Bible Society.

# 2 Kronaki

## 2 Kronaki 1

### Salamun isaħħaħ is-saltna

[1]U ssaħħaħ Salamun bin David fis-saltna tiegħu, u l-Mulej, Alla tiegħu, kien miegħu u kabbru bis-sħiħ.

[2]U Salamun kellem lil Iżrael kollu, u l-kmandanti tal-eluf, u tal-mijiet, u lill-imħallfin u lill-prinċpijiet ta' Iżrael kollu, u l-kapijiet tal-familji ta' missirijiethom.

[3]U marru Salamun u l-ġemgħa kollha miegħu lejn l-għolja li kien hemm f'Gibgħon, fejn kien hemm it-tinda tal-laqgħa ta' Alla, li Mosè, il-qaddej tal-Mulej, kien għamel fid-deżert.

[4]Imma l-arka ta' Alla kien tellagħha David minn Kirjat-ġegħarim fejn kien ħejjielha postha, billi David kien tellgħalha tinda f'Ġerusalemm.

[5]L-artal tal-bronż, li kien għamel Besalel bin Uri, bin Ħur, kien hemm quddiem l-għamara tal-Mulej, u hawn ġew ifittxu l-Mulej Salamun u l-ġemgħa.

[6]U tala' Salamun quddiem l-artal tal-bronż quddiem il-Mulej, li kien fit-tinda tal-laqgħa, u offra fuqu elf sagrifiċċju tal-ħruq.

[7]Billejl deher Alla lil Salamun u qallu: "Itlobni x'nagħtik."

[8]U Salamun wieġeb lil Alla: "Int urejt tjieba kbira ma' David missieri, u qegħedtni sultan floku.

[9]Issa, Mulej Alla, ħa sseħħ il-wegħda tiegħek lil David missieri. Għax int qegħedtni sultan fuq poplu kotran daqs it-trab tal-art.

[10]Agħtini mela issa għerf u dehen ħalli nagħraf noħroġ u nidħol f'ras dan il-poplu, għax min jista' jaħkem dan il-poplu tiegħek hekk kbir?"

[11]U Alla wieġeb lil Salamun: "Billi dan huwa għal qalbek u ma tlabtx għana, ġid u glorja; ma tlabtx il-ħajja tal-għedewwa tiegħek, u lanqas għomor twil, imma tlabt għalik għerf u dehen, biex tkun tista' tiggverna l-poplu tiegħi li fuqu jien għamiltek sultan,

[12]l-għerf u d-dehen huma mogħtija lilek; u nagħtik ukoll għana, ġid u glorja, li qatt bħalhom ma kellhom is-slaten ta' qablek, u lanqas ta' warajk qatt ma jkollhom."

[13]U Salamun ġie lura Ġerusalemm, mill-għolja li kien hemm f'Gibgħon, minn quddiem it-tinda tal-laqgħa, u beda jsaltan fuq Iżrael.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

14U Salamun ġabar karrijiet u rikkieba; u kellu elf u erba' mitt karru u tnax-il elf rikkieb, u qassamhom fl-ibliet tal-karrijiet u f'Ġerusalemm madwar is-sultan.

15U l-fidda u d-deheb f'Ġerusalemm is-sultan ġiebhom bħall-ġebel; u l-injam taċ-ċedru għamlu bħall-injam tat-tin selvaġġ li hemm fis-Sefela.

16Kienu jġibu ż-żwiemel lil Salamun minn Musri u minn Kuwi; kienu jġibuhom in-neguzjanti tas-sultan minn Kuwi bil-prezz tas-suq.

17Kienu jitilgħu Musri u joħorġu karru bil-prezz ta' sitt mitt xekel u żiemel b'mija u ħamsin. Hekk ukoll permezz ta' dawn in-neguzjanti kienu jinbiegħu lis-slaten tal-Ħittin u lis-slaten ta' Aram.

### Tħejjija għall-bini tat-tempju

18U Salamun qatagħha li jibni tempju lil isem il-Mulej, u palazz ta' sultan għalih innifsu.

## 2 Kronaki 2

1U Salamun ġabar sebgħin elf raġel għall-ġarr tat-tagħbijiet, u tmenin elf raġel għall-qtugħ tal-ġebel mill-muntanja, u qiegħed fuqhom tlitt elef u sitt mitt suprentendent.

2Imbagħad Salamun bagħat jgħid lil Ħuram, sultan ta' Tir: "Bħalma għamilt ma' David missieri u bgħattlu ċ-ċedru biex jibni dar għalih biex jgħammar fiha, agħmel hekk issa ma' ibnu.

3Jien se nibni tempju lil isem il-Mulej, Alla tiegħi, biex nikkonsagrah lilu, biex naħraq quddiemu l-inċens tal-ħwawar ifuħu, biex inqiegħed il-ħobż tal-preżenza għal dejjem, biex noffri s-sagrifiċċji tal-ħruq filgħodu u filgħaxija, fis-Sibtijiet u fl-ewwel tax-xahar, u fil-festi tal-Mulej, Alla tagħna - kif inhu ordnat lil Iżrael għal dejjem.

4It-tempju li bi ħsiebni nibni hu kbir, għax kbir hu Alla tagħna 'l fuq mill-allat kollha.

5U min għandu l-ħila jibnilu dar, meta s-sema u s-sema tas-smewwiet ma jesgħuhx? U min jiena jien biex nibnilu dar? Post biss irrid biex naħraq fih l-inċens.

6"Mela issa ibgħatli bniedem imħarreġ fix-xogħol tad-deheb u l-fidda, tal-bronż u l-ħadid, tal-porpra u tal-kremżi u tal-vjola, li jaf inaqqax, biex jingħaqad man-nies tas-sengħa li hawn madwari f'Ġuda u f'Ġerusalemm, li kien ħejjiehom David missieri.

7Ibgħatli injam taċ-ċedru, taċ-ċipress, u tas-sandlu mil-Libanu, għax jien naf li l-qaddejja tiegħek jafu kif jaqtgħu s-siġar tal-Libanu, u l-qaddejja tiegħi jkunu ma' tiegħek,

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

8biex iħejjuli injam bil-kotra, għax kbir u tal-għaġeb it-tempju li bi ħsiebni nibni.

9U, ara, lil dawk li jaqtgħu l-injam, lill-qaddejja tiegħek, nagħtihom b'ikel għoxrin
elf kor qamħ, għoxrin elf kor xgħir, għoxrin elf batt inbid u għoxrin elf batt żejt."

10U Huram, is-sultan ta' Tir, wieġeb bil-miktub lil Salamun: "Billi l-Mulej iħobb
lill-poplu tiegħu, qiegħdek sultan fuqhom."

11U ssokta jgħidlu Huram: "Imbierek il-Mulej, Alla ta' Iżrael, li għamel is-sema u
l-art, li ta lis-sultan David iben għaref, għaqli u dehni, biex jibni tempju għall-
Mulej u palazz għas-sultan tiegħu.

12Issa nibgħatlek bniedem li jifhem u tas-sengħa, Huram-abi,

13bin mara mill-bniet ta' Dan, u missieru raġel minn Tir, li jaf jaħdem fid-deheb
u l-fidda, fil-bronż u l-ħadid, fil-ġebel u l-injam, fil-porpra, fil-vjola, fl-għażel u fil-
kremżi, u fl-inqix ta' kull xorta, u li jfassal kull xogħol li jingħatalu flimkien man-
nies tas-sengħa tiegħek, u n-nies tas-sengħa ta' sidi David missierek.

14U l-qamħ, ix-xgħir, iż-żejt u l-inbid li semma sidi, ħa jibgħathom lill-qaddejja
tiegħu,

15u aħna naqtgħu s-siġar mil-Libanu skont ma teħtieġ, u nġibuhomlok bil-baħar
fuq iċ-ċattri sa Ġaffa, u int imbagħad tellagħhom Ġerusalemm."

16U Salamun għadd l-irġiel kollha barranin li kien hemm jgħixu f'Iżrael, skont iċ-
ċensiment li kien għamel missieru David, u sab li kienu mija u tlieta u ħamsin elf
u sitt mitt wieħed.

17Sebgħin elf minnhom ħadhom għat-tagħbija u tmenin elf għall-qtugħ tal-ġebel
minn fuq il-muntanja, u tlitt elef u sitt mija suprentendenti biex iżommu l-poplu
fuq ix-xogħol.

## 2 Kronaki 3

### Il-bini tat-tempju

1U Salamun beda jibni t-tempju tal-Mulej f'Ġerusalemm, fuq l-għolja ta' Morija,
fejn il-Mulej kien deher lil David missieru, fil-post li kien ħejja David fuq il-qiegħa
ta' Ornan il-Ġebusi.

2U beda jibnih fit-tieni xahar tar-raba' sena tas-saltna tiegħu.

3Dawn huma l-qisien ta' Salamun għall-bini tat-tempju ta' Alla; sittin driegħ - fuq
il-qjies il-qadim - tul; għoxrin driegħ wisa'.

4Il-portiku ta' quddiem it-tempju kien għoxrin driegħ tul mal-wisa' tat-tempju,
u mija u għoxrin driegħ għoli. U ksieh minn ġewwa bid-deheb fin.


© 2020 Malta Bible Society.

5Id-dar il-kbira ksieha bl-injam taċ-ċipress, li mbagħad ksieh b'deheb fin, u
naqqax fuqu palm u girlandi madwaru.

6U kesa d-dar u żejjinha b'ħaġar prezzjuż - id-deheb kien deheb ta' Parwajm.

7U kesa d-dar - it-travi, l-għetiebi, il-ħitan u l-bibien tagħha - bid-deheb, u naqqax
il-kerubini fuq il-ħitan.

8U għamel il-kamra tal-post il-qaddis. It-tul tagħha skont il-wisa' tad-dar għoxrin
driegħ u l-wisa' tagħha għoxrin driegħ, u ksieha b'sitt mitt talent deheb fin.

9L-użin tal-imsiemer kien ta' ħamsin xekel tad-deheb. U kesa wkoll bid-deheb il-
kmamar ta' fuq.

10U fil-post il-qaddis għamel żewġ kerubini, xogħol tal-iskultur, u ksiehom bid-
deheb.

11U l-ġwienaħ tal-kerubini kienu wiesgħa għoxrin driegħ; il-ġewnaħ tal-wieħed,
b'medda ta' ħamest idriegħ, kien jilħaq sal-ħajt tal-kamra, u l-ġewnaħ l-ieħor,
b'medda ta' ħamest idriegħ, kien jilħaq il-ġewnaħ tal-kerubin l-ieħor.

12Il-ġewnaħ tal-kerubin l-ieħor b'medda ta' ħamest idriegħ, kien jilħaq sal-ħajt
tal-kamra, u l-ġewnaħ l-ieħor b'medda ta' ħamest idriegħ, kien jilħaq mal-
ġewnaħ tal-kerubin l-ieħor.

13Il-ġwienaħ miftuħa ta' dawn il-kerubini kellhom medda ta' għoxrin driegħ;
kienu wieqfa fuq riġlejhom b'wiċċhom iħares lejn id-dar.

14Għamel imbagħad il-purtiera tal-porpra vjola, porpra ħamra u kremżi tal-
għażel, u rrakkma fuqha l-kerubini.

15U għamel żewġ kolonni quddiem id-dar, kull waħda ħamsa u tletin driegħ
għoli, u l-kapitelli għal fuq ras kull waħda minnhom ħamest idriegħ għoli.

16U għamel girlandi bħal kullani, u dawwarhom ma' ras il-kolonni, u għamel
ukoll mitt rummiena u dendilhom mal-girlandi.

17Imbagħad waqqaf il-kolonni quddiem it-tempju, waħda fuq il-lemin u l-oħra
fuq ix-xellug, u l-leminija semmieha Ġakin u l-oħra semmieha Bogħaż.

## 2 Kronaki 4

### It-tagħmir tat-tempju

1U għamel artal tal-bronż, għoxrin driegħ twil, u għoxrin driegħ wiesa', u għaxart
idriegħ għoli.

2U għamel ukoll vaska tal-bronż fondut għall-ilma; kienet tonda, għaxart idriegħ
minn xifer sa xifer, u għolja ħamest idriegħ, b'dawra tal-qjies ta' tletin driegħ.


© 2020 Malta Bible Society.

3Taħt ix-xifer kien hemm indana xbihat ta' gniedes, għaxra għal kull driegħ, iddur dawramejt mal-vaska kollha. U l-gniedes kienu f'żewġ saffi mdewba biċċa waħda magħha.

4Il-vaska kienet isserraħ fuq tnax-il gendus, tlieta jħarsu lejn it-Tramuntana, tlieta lejn il-Punent, tlieta lejn in-Nofsinhar, u tlieta lejn il-Lvant, u l-vaska kienet fuqhom; u l-warrani tagħhom kien iħares 'il ġewwa.

5Il-ħxuna tagħha kienet ta' erbat iswaba', u x-xifer kien qisu xifer ta' bieqja, u jixbah fl-għamla lill-warda tal-ġilju. Kienet tasa' tlitt elef batt ilma.

6Għamel ukoll għaxart injiebi, u qiegħed ħamsa fuq il-lemin u ħamsa fuq ix-xellug, biex jaħslu u jlaħalħu fihom il-meħtieġ għas-sagrifiċċju tal-ħruq. U l-vaska kienet isservi biex jinħaslu fiha l-qassisin.

7U għamel għaxar imnariet tad-deheb, skont ma kien ordnat dwarhom u qegħedhom fit-tempju, ħamsa fuq il-lemin, u ħamsa fuq ix-xellug.

8U għamel għaxar imwejjed u qegħedhom fit-tempju, ħamsa fuq il-lemin, u ħamsa fuq ix-xellug; u għamel mitt bieqja tad-deheb.

9U għamel il-bitħa tal-qassisin, il-bitħa l-kbira, u l-bibien għall-bitħa, u dawn il-bibien ksiehom bil-bronż.

10U l-vaska qegħedha fil-ġenb tal-lemin, in-naħa tal-Lvant lejn in-Nofsinhar.

11U Huram għamel il-borom, il-pwali u l-bwieqi. Hemm Huram temm ix-xogħol kollu li kellu jagħmel lis-sultan Salamun għat-tempju ta' Alla;

12iż-żewġ kolonni, il-kapitelli mżaqqin għal fuq ras iż-żewġ kolonni, u ż-żewġ girlandi biex jiksu ż-żewġ kapitelli mżaqqin ta' fuq il-kolonni;

13u l-erba' mitt rummiena għaż-żewġ girlandi, iż-żewġ indani ta' rummien għal kull girlanda li kienet tiksi ż-żaqq taż-żewġ kapitelli ta' fuq ras il-kolonni;

14l-għaxar imqagħad u l-għaxart injiebi għal fuq l-imqagħad;

15il-vaska waħdanija u t-tnax-il baqra għal taħtha

16u l-borom, il-pwali u l-bwieqi u l-frieket. U Huram-abi għamel it-tagħmir kollu tagħhom tal-bronż ileqq lis-sultan Salamun għat-tempju tal-Mulej.

17Is-sultan dewwibhom fil-wita tal-Ġordan, ħdejn il-mogħdija ta' Adama, bejn Sukkot u bejn Saretan.

18Salamun għamel dan it-tagħmir kollu b'kotra kbira, tant li l-użin baqa' ma tqiesx minħabba l-kotra kbira tal-bronż.

19Hekk Salamun għamel it-tagħmir kollu meħtieġ għat-tempju ta' Alla: l-artal tad-deheb, l-imwejjed li fuqhom kien jitqiegħed il-ħobż tal-preżenza,

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[20]l-imnariet bl-imsiebaħ tad-deheb fin biex jinxtegħlu skont l-ordni quddiem is-santwarju,

[21]u l-ward, u l-imsiebaħ u l-imqassijiet mill-ifjen deheb.

[22]U l-imqassijiet, il-bwieqi, l-imgħaref u ċ-ċnieser, kollox kien tad-deheb fin; u d-dħul tat-tempju, u l-bibien ta' ġewwa nett tal-post il-qaddis, u l-bibien tal-korsija tat-tempju, kollox kien tad-deheb.

## 2 Kronaki 5

[1]Meta ntemm ix-xogħol kollu li għamel Salamun għat-tempju tal-Mulej, ġieb Salamun l-offerti li kien għamel David missieru - il-fidda, id-deheb u l-ħwejjeġ l-oħra kollha - u qiegħed kollox fl-imħażen tat-tempju ta' Alla.

### L-arka fit-tempju

[2]Salamun imbagħad laqqa' flimkien f'Ġerusalemm ix-xjuħ ta' Iżrael, u l-kapijiet tat-tribujiet, il-prinċpijiet tal-familji ta' wlied Iżrael, biex l-arka tal-patt tal-Mulej itellgħuha mill-belt ta' David, jiġifieri minn Sijon.

[3]Inġabru għalhekk madwar is-sultan l-irġiel kollha ta' Iżrael fil-festa li taħbat fis-seba' xahar.

[4]U kif ġew ix-xjuħ kollha ta' Iżrael, il-Leviti refgħu l-arka.

[5]U tellgħu l-arka u wkoll it-tinda tal-laqgħa flimkien ma' kull ħaġa mqaddsa, li kien hemm fit-tinda; tellgħuhom il-qassisin u l-Leviti.

[6]U s-sultan Salamun u l-ġemgħa kollha ta' Iżrael, miġbura madwaru quddiem l-arka, offrew sagrifiċċji ta' nagħaġ u baqar li ma kontx issib tarf tgħoddhom.

[7]Imbagħad il-qassisin wasslu l-arka tal-patt tal-Mulej f'postha fis-santwarju tat-tempju, jiġifieri fil-post il-qaddis, u qegħduha taħt il-ġwienaħ tal-kerubini,

[8]għax il-kerubini kellhom ġwenħajhom miftuħin fuq post l-arka, hekk li l-kerubini kienu jgħattu huma stess il-wiċċ tal-arka u l-lasti tagħha.

[9]Il-lasti kienu tant twal li rjushom kienu jidhru mill-post qaddis quddiem is-santwarju; imma ma kinux jidhru minn barra - u għadhom hemm sal-lum.

[10]Xejn ma kien hemm ġol-arka ħlief iż-żewġ twavel li kien qiegħed hemm Mosè meta kien Horeb; dawn kienu t-twavel tal-patt li bih il-Mulej intrabat ma' wlied Iżrael meta ħarġu mill-Eġittu.

[11]Ġara li l-qassisin ħarġu mill-post il-qaddis, wara li l-qassisin kollha li kien hemm tqaddsu bla ma taw kas tat-taqsimiet tagħhom;


© 2020 Malta Bible Society.

12il-Leviti kantanti kollha, jiġifieri Asaf, Ħeman, Ġedutun, uliedhom u ħuthom, libsin l-għażel, kienu bilwieqfa n-naħa tal-Lvant tal-artal, bil-platti u l-arpi u ċ-ċetri, u magħhom mija u għoxrin qassis idoqqu t-trombi.

13U kif it-trumbettieri u l-kantanti kollha bdew isemmgħu ħoss wieħed flimkien biex isebbħu u jfaħħru l-Mulej, kif kienu jsemmgħu d-daqq tat-trumbetti u l-platti u l-istrumenti tad-daqq biex isebbħu l-Mulej "għax hu tajjeb, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu," ġara li t-tempju tal-Mulej imtela bi sħaba.

14U ma setgħux il-qassisin ikomplu s-servizz tagħhom minħabba s-sħaba, għax il-glorja tal-Mulej imliet id-dar ta' Alla.

## 2 Kronaki 6

### Id-diskors ta' Salamun u t-talba

1Imbagħad Salamun qal: "Il-Mulej qal li jrid jgħammar fid-dlam.

2Imma jien bnejtlek dar fejn tgħammar, post fejn toqgħod għal dejjem."

3Imbagħad is-sultan dawwar wiċċu, u bierek il-ġemgħa kollha ta' Iżrael, waqt li l-ġemgħa kollha ta' Iżrael kienet bilwieqfa,

4u qal: "Imbierek il-Mulej, Alla ta' Iżrael, li temm b'idu kulma kien qal b'fommu lil David missieri, meta qallu:

5'Mindu ħriġt lill-poplu tiegħi mill-art tal-Eġittu ma għażilt ebda belt mit-tribujiet kollha ta' Iżrael, biex fiha nibni tempju li fih ikun hemm ismi, u lanqas ma għażilt bniedem li jkun prinċep fuq il-poplu tiegħi Iżrael,

6imma għażilt lil Ġerusalemm biex jgħammar ismi fiha, u għażilt lil David biex isaltan fuq il-poplu tiegħi Iżrael.'

7"David missieri, kellu f'moħħu li jibni tempju lil isem il-Mulej, Alla ta' Iżrael.

8U l-Mulej qal lil David, missieri: 'Sewwa li kellek f'qalbek li tibni tempju lil ismi, tajjeb li ġiek f'rasek dan.

9" 'Imma mhux int tibnih it-tempju, imma ibnek li joħroġ mill-ġewwieni tiegħek, għad jibni tempju lil ismi.'

10U l-Mulej żamm kelmtu kif kien qal: ilħaqt jien flok David missieri, u qgħadt fuq it-tron ta' Iżrael bħalma kien wiegħed il-Mulej, u bnejt it-tempju lil isem il-Mulej, Alla ta' Iżrael.

11U hemm qegħedt l-arka li fiha hemm il-patt tal-Mulej, li għamel ma' wlied Iżrael."

### It-talba ta' Salamun

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

12Imbagħad qam bilwieqfa quddiem l-artal tal-Mulej quddiem il-ġemgħa kollha
ta' Iżrael u fetaħ dirgħajh beraħ.

13Salamun kien għamel bħal palk tal-bronż twil ħamest idriegħ, wiesa' ħamest
idriegħ, u għoli tlieta, u qiegħdu f'nofs il-bitħa, u tala' bilwieqfa fuqu, niżel
għarkupptejh quddiem il-ġemgħa kollha ta' Iżrael, fetaħ idejh lejn is-sema u qal:

14"Mulej, Alla ta' Iżrael, mhawnx Alla ieħor bħalek, la fis-sema u lanqas fl-art,
għaliex inti, lil dawk il-qaddejja tiegħek li jimxu fil-preżenza tiegħek b'qalbhom
kollha, ma tiksrilhomx il-patt li int għamilt magħhom, lanqas ma tonqoshom
mill-imħabba li dejjem urejthom.

15Int li żammejt il-wegħda li għamilt lill-qaddej tiegħek David missieri, u kulma
tkellimt b'fommok, issa temmejtu llum b'idek.

16U issa, Mulej, Alla ta' Iżrael, żomm il-wegħda li għamilt lill-qaddej tiegħek
David meta għedtlu: 'Qatt ma jonqos minn nislek min joqgħod fuq it-tron ta'
Iżrael kemm-il darba jżommu triqthom u jimxu skont il-liġi tiegħi, bħalma kont
timxi int fil-preżenza tiegħi.'

17U issa, Alla ta' Iżrael, ħa sseħħ kelmtek, li għedt lill-qaddej tiegħek David.

18"Imma, tgħid, tassew li Alla se jibqa' jgħix fuq l-art mal-bnedmin? Ara! Lanqas
is-smewwiet u s-smewwiet tas-smewwiet ma jesgħuk, aħseb u ara dan id-
daqsxejn ta' tempju li bnejt jien!

19Agħti widen għalhekk, Mulej, Alla tiegħi, għat-talba tal-qaddej tiegħek u għas-
supplika tiegħu; isma' l-għajta ta' ferħ u t-talba li l-qaddej tiegħek qiegħed
iressaq illum quddiemek.

20Nhar u lejl ħarstek taqlagħhiex minn fuq dan it-tempju, minn fuq dan il-post, li
għalih int kont għedt li tqiegħed ismek fih. Isma' t-talba li jagħmillek il-qaddej
tiegħek għal dan il-post.

21Isma' mela din is-supplika li l-qaddej tiegħek mal-poplu tiegħek Iżrael,
sewwasew f'dan il-post, qegħdin jagħmlulek. Ismagħna int, mis-sema fejn inti
toqgħod, isma' u aħfer.

22"Jekk xi ħadd ikun offenda lil għajru, u jkollu jaħlef, u jiġi jaħlef quddiem l-artal
tiegħek f'dan it-tempju,

23isma' int mis-sema, qum u agħmel ħaqq mal-qaddejja tiegħek, billi
tikkundanna lill-ħati u tniżżillu fuq rasu għemilu, u tagħmel il-ġustizzja mal-ġust,
u tħallsu skont il-ġustizzja tiegħu.

24"Meta l-poplu tiegħek jitkisser quddiem l-għadu tiegħu minħabba li jkunu
dinbu kontrik, u jerġgħu lura għal għandek, u jfaħħru ismek, jitolbu u jitkarrbu
għall-ħniena tiegħek f'dan it-tempju,


© 2020 Malta Bible Society.

25isma' int mis-sema u aħfer il-ħtija tal-poplu tiegħek Iżrael, u reġġgħu lura lejn
l-art li int tajt lilhom u lil missirijiethom.

26"Meta jingħalqu s-smewwiet u tonqos ix-xita minħabba li Iżrael ikun dineb
kontrik, u jiġu jitolbu f'dan il-post, u jfaħħru lil ismek, u jerġgħu lura minn
dnubhom, għax int tkun għakkisthom,

27isma' int mis-sema, u aħfer id-dnub tal-qaddejja tiegħek u l-poplu tiegħek
Iżrael; urihom it-triq it-tajba li minnha għandhom jgħaddu, u agħti x-xita lil
artek, li int tajt b'wirt lill-poplu tiegħek.

28"Meta jaqa' l-ġuħ fuq l-art, jitfaċċaw il-pesta, l-eħtrieq, it-tinwir tas-siġar, il-
ġradi u d-dud tal-farfett; meta l-għadu tiegħu jagħlqu fl-ibliet tiegħu fil-pajjiż;
meta jfeġġ xi flaġell jew mard;

29imqar jekk bniedem waħdu jonkella l-poplu tiegħek kollu ta' Iżrael, jitlob u
jitkarrab bil-ħniena; kull meta xi ħadd jistqarr il-ġrieħi ta' qalbu u n-niket tiegħu
u jiftaħ idejh lejn din id-dar,

30isma' int mis-smewwiet fejn tgħammar, u aħfer, u agħti lil kulħadd skont
imġibtu, għax tagħraf qalbu; int waħdek tagħraf il-qalb ta' kull bniedem.

31Hekk jibżgħu minnek u jimxu fi triqatek il-jiem kollha ta' ħajjithom fuq wiċċ l-
art li int tajt lil missirijietna.

32"U 'l-barrani wkoll, li ma jkunx mill-poplu tiegħek ta' Iżrael, li għad jiġi minn
art imbiegħda minħabba ismek - għax ikun sama' bl-isem kbir tiegħek, bil-
qawwa ta' idek u bi driegħek merfugħ, - meta dan għad jiġi u jitlob f'dan it-
tempju,

33isimgħu int mis-sema fejn tgħammar u agħmel kulma jitolbok il-barrani, ħa
jkunu jafu b'ismek il-ġnus kollha tal-art, u jibżgħu minnek bħall-poplu tiegħek
Iżrael, u jagħrfu li ismek jissejjaħ fuq dan it-tempju li bnejt jien.

34"Meta l-poplu tiegħek joħroġ jitqabad kontra l-għedewwa tiegħu u jaqbad it-
triq li int tkun urejthom, u jitolbok b'wiċċu lejn din il-belt li int għażilt u lejn it-
tempju li jiena bnejt għal ismek,

35isma' int mis-sema fejn tgħammar, it-talb u s-suppliki tagħhom, u agħmel
ġustizzja magħhom.

36"Meta jidinbu kontrik - ma hemmx bniedem li ma jidnibx - u int tagħdab
għalihom u terħihom f'idejn l-għadu u dawn jegħlbuhom u jeħduhom fl-eżilju
f'art, fil-bogħod jew fil-qrib,

37u mbagħad ireġġgħu qalbhom lejk fl-art tal-jasar tagħhom, u jindmu u jitolbu
l-ħniena fl-art fejn ikunu lsiera u jgħidulek: 'Ħatja aħna, dnibna u għamilna l-
ħażin,'


© 2020 Malta Bible Society.

38 u jerġgħu lura għal għandek b'qalbhom kollha u b'ruħhom kollha f'art il-jasar
tagħhom fejn ikunu jassruhom, u jitolbuk b'wiċċhom lejn arthom li int tajt lil
missirijiethom, lejn il-belt li int ħtart, u lejn it-tempju li jien bnejt lil ismek;

39 isma' int mis-sema fejn tgħammar it-talb u s-suppliki tagħhom, u agħmel
ġustizzja magħhom. Aħfirlu l-poplu tiegħek il-ħtijiet kollha li jkunu għamlu
kontra tiegħek.

40 "U issa, Alla tiegħi, ħa jkunu miftuħa għajnejk u widnejk attenti għat-talb li jsir
f'dan il-post.

41 "U issa, qum, Mulej Alla, lejn il-mistrieħ tiegħek, int u l-arka tal-qawwa tiegħek!
Il-qassisin tiegħek, Mulej Alla, jilbsu s-salvazzjoni, u l-ħbieb tiegħek jifirħu bil-
ġid.

42 Mulej Alla, tiksirx wiċċ is-sultan, il-midluk tiegħek, ftakar fit-tjieba tiegħek lejn
David, il-qaddej tiegħek."

## 2 Kronaki 7

### In-nar tal-Mulej

1 Xħin Salamun temm jitlob niżel nar mis-sema u kkonsma s-sagrifiċċju tal-ħruq,
u l-vittmi; u l-glorja tal-Mulej imliet id-dar,

2 u l-qassisin ma setgħux jidħlu f'dar il-Mulej, għax il-glorja tal-Mulej imliet dar
il-Mulej.

3 U wlied Iżrael malli raw in-nar nieżel u l-glorja tal-Mulej fuq id-dar inxteħtu
lkoll wiċċhom għall-qiegħa tal-art, qiemu u faħħru lill-Mulej: 'Għax hu tajjeb u
għal dejjem it-tjieba tiegħu.'

4 U s-sultan u l-poplu kollu offrew sagrifiċċji quddiem il-Mulej.

5 U s-sultan Salamun offra b'sagrifiċċju tnejn u għoxrin elf gendus, u mija u
għoxrin elf nagħġa. Hekk is-sultan u l-poplu kollu kkonsagraw it-tempju ta' Alla.

6 U l-qassisin kienu qegħdin jagħmlu s-servizz tagħhom f'posthom, u l-Leviti bl-
istrumenti tad-daqq tal-Mulej, li kien għamel is-sultan David għat-tifħir tal-
Mulej - 'għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.' Hekk David kien ifaħħar il-Mulej
permezz tagħhom. Il-qassisin kienu jdoqqu t-trombi biswithom, u l-Iżraelin
ilkoll kienu bilwieqfa.

7 U Salamun ikkonsagra l-biċċa tan-nofs tal-wesgħa li kienet quddiem dar il-
Mulej, għax hemm offra s-sagrifiċċju u x-xaħam tas-sagrifiċċji tas-sliem, għax l-
artal tal-bronż li kien għamel Salamun ma kienx jasa' l-vittmi tas-sagrifiċċji tal-
ħruq u l-offerti tal-qmuħ u x-xaħam.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

8U Salamun f'dak iż-żmien għamel festa għal sebat ijiem, b'Iżrael kollu miegħu,
ġemgħa kbira ħafna mid-dħul ta' Hamat sal-wied tal-Eġittu.

9U fit-tmien jum għamlu l-festa tal-għeluq, għax il-konsagrazzjoni tal-artal ħadet
sebat ijiem, u l-festa sebat ijiem oħra.

10U fit-tlieta u għoxrin jum tas-seba' xahar bagħat il-poplu lejn it-tined tiegħu,
kollhom ferħana u qalbhom hienja għall-ġid kollu li kien għamel il-Mulej ma'
David u ma' Salamun u ma' Iżrael, il-poplu tiegħu.

11Hekk temm Salamun it-tempju tal-Mulej, u l-palazz tas-sultan; u rnexxa f'dak
kollu li kien ġieh f'moħħu li jagħmel fit-tempju tal-Mulej u fil-palazz tiegħu.

12Imbagħad il-Mulej deher lil Salamun billejl u qallu: "Jien smajt it-talba tiegħek,
u ħtart għalija dan il-post bħala dar għas-sagrifiċċji.

13Jekk jien nagħlaq is-sema u ma jkunx hemm xita; jekk nordna lill-ġradi li jieklu
l-art; jekk il-poplu tiegħi nibgħatlu l-pesta;

14u l-poplu tiegħi, li fuqu jissejjaħ ismi, jumilja ruħu u jitlob u jfittex lil wiċċi, u
jerġgħu lura mit-triq il-ħażina, jien nismagħhom mis-sema, u naħfrilhom
dnubiethom u nfejqilhom 'l arthom.

15U minn issa 'l quddiem għajnejja huma miftuħa u widnejja attenti għat-talb
f'dan il-post.

16U issa jien għażilt u qaddist dan it-tempju biex jgħammar fih ismi għal dejjem:
hemm ikunu għajnejja u qalbi għal dejjem.

17U issa, jekk inti timxi fil-preżenza tiegħi bħalma mexa David missierek, u
tagħmel kulma ordnajtlek, tħares il-liġijiet u d-digrieti tiegħi,

18jien insaħħaħ it-tron tas-saltna tiegħek bħalma ntrabatt li nagħmel ma' David
missierek, u għedtlu: 'Qatt ma jonqos minn nislek min isaltan fuq Iżrael.'

19Imma jekk intom terġgħu lura, u tħallu l-liġijiet u l-ordnijiet tiegħi li jien
qegħedtilkom quddiemkom, u tmorru wara allat oħra, taqduhom u
tadurawhom,

20jien neqridkom mill-art tiegħi li jien tajtkom, u dan it-tempju li jien
ikkonsagrajt għal ismi narmih minn quddiemi, u nġibu f'ilsien in-nies u jaqa'
għaż-żebliħ fost il-ġnus kollha.

21U dan it-tempju, li llum hu għoli fil-ġieħ, isir ħerba, u kull min jgħaddi minn
ħdejh jibqa' mistagħġeb u jgħid: 'Għaliex il-Mulej għamlilhom hekk lil din l-art u
lil dan it-tempju?'

22U jweġbuhom: 'Għaliex telqu lill-Mulej Alla ta' missirijiethom li ħariġhom mill-
art tal-Eġittu, u qabdu ma' allat oħra, u adurawhom wiċċhom fl-art u qdewhom.
Għalhekk il-Mulej ġieb fuqhom din il-ħerba kollha.' "

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

# 2 Kronaki 8

### L-ibliet u l-imħażen ta' Salamun

1Wara li kienu għaddew għoxrin sena biex Salamun bena t-tempju tal-Mulej u l-palazz tiegħu,

2Salamun bena l-ibliet li kien tah Huram, u bagħat l-Iżrael in jgħammru fihom.

3U mar Salamun Hamat-soba u rebaħha.

4U bena Tadmor fid-deżert, u l-ibliet kollha tal-imħażen li hemm f'Hamat.

5Bena wkoll Betħoron ta' fuq u Betħoron ta' isfel, bliet iffortifikati bis-swar, bwieb u żbarri;

6u Bagħlat, u l-ibliet kollha tal-imħażen li kellu Salamun, u l-ibliet għall-karrijiet u l-ibliet għar-rikkieba u kulma xtaq jibni Salamun f'Ġerusalemm u fil-Libanu, u fl-art kollha tas-saltna tiegħu.

7In-nies kollha li kien baqa' mill-Ħittin, l-Amurrin, il-Periżżin, il-Ħiwwin, u l-Ġebusin, li ma kinux mill-Iżraelin,

8jiġifieri wliedhom li kienu baqgħu fil-pajjiż warajhom u li wlied Iżrael ma rnexxilhomx jeqirdu, Salamun ġagħalhom jaħdmu bħala lsiera, kif għadhom sa llum.

9Iżda minn ulied Iżrael Salamun ma qabbad lil ħadd b'ilsir għax-xogħol tiegħu, għax huma nies tal-gwerra u ministri tiegħu, u kmandanti tal-karrijiet u r-rikkieba tiegħu.

10U dawn kienu l-kapijiet ewlenin tas-sultan Salamun: mitejn u ħamsin li kienu jikkmandaw il-poplu.

11U 'l bint il-Fargħun Salamun tellagħha mill-belt ta' David fid-dar li kien bnielha għax qal: "Ebda mara minn tiegħi ma għandha tgħammar fil-belt ta' David, sultan ta' Iżrael, għax qaddis il-post li daħlet fih l-arka tal-Mulej."

### L-offerta tas-sagrifiċċji

12Imbagħad Salamun offra sagrifiċċji tal-ħruq fuq l-artal tal-Mulej, li kien bena quddiem il-portiku.

13U kien joffri, skont l-ordnijiet ta' Mosè, is-sagrifiċċju ta' kuljum, tas-Sibtijiet, tal-ewwel tax-xahar u tat-tliet festi matul is-sena: il-festa tal-Ażżmi, il-festa tal-Ġimgħat u l-festa tal-Għerejjex.

14U waqqaf, skont l-ordnijiet ta' David missieru, it-taqsimiet tal-qassisin għas-servizz tagħhom, u l-Leviti skont is-servizz tagħhom mal-qassisin ta' kuljum, u l-


© 2020 Malta Bible Society.

purtinara skont it-taqsim tagħhom bieb bieb, għax hekk kienet l-ordni ta' David, bniedem ta' Alla.

15U ma warrbux l-ordnijiet tas-sultan dwar il-qassisin u l-Leviti fuq l-ebda ħaġa, anqas fuq it-teżori.

16U hekk intemm ix-xogħol kollu ta' Salamun minn jum it-tqegħid tas-sisien tad-dar tal-Mulej sakemm temmha. Hekk id-dar tal-Mulej kienet mitmuma għalkollox.

17Imbagħad mar Salamun Għesjon-geber u Elat f'xatt il-baħar f'art Edom.

18U Huram bagħatlu, permezz tal-qaddejja tiegħu, ġfien u qaddejja jifhmu fil-baħar, u marru mal-qaddejja ta' Salamun f'Ofir, u ġiebu minn hemm erba' mija u ħamsin talent deheb u ġibuhom lis-sultan Salamun.

## 2 Kronaki 9

### Iż-żjara tas-sultana ta' Saba

1U semgħet is-sultana ta' Saba, bil-fama ta' Salamun, u ġiet biex iġġarrbu b'mistoqsijiet tqal f'Ġerusalemm, b'qatgħa ġmielha ta' kbarat magħha, u b'iġmla mgħobbija bi ħwawar u ħafna deheb u ħaġar prezzjuż. U ġiet għand Salamun u qaltlu kulma kellha maħżun f'qalbha.

2U Salamun wieġeb għal kulma staqsietu: ma kien hemm xejn li ma kienx jista' jgħidilha.

3U meta s-sultana ta' Saba rat l-għerf kollu ta' Salamun u d-dar li kien bena,

4u l-ikel tal-mejda tiegħu, il-kunsill ta' madwaru, is-servizz tal-qaddejja u lbieshom, u l-kuppieri tiegħu u lbieshom, u s-sagrifiċċji tal-ħruq li kien joffri fit-tempju tal-Mulej, baqgħet miblugħa.

5U qalet lis-sultan: "Tassew kien minnu dak li smajt f'arti fuqek, u fuq għerfek;

6ma ridtx nemmen dawn il-ħwejjeġ qabel ma ġejt u rajt b'għajnejja. U ma kinux ħabbruli nofs il-kobor ta' għerfek. Akbar inti mill-aħbar li smajt.

7Henjin in-nies tiegħek, henjin il-qaddejja tiegħek, li qegħdin miegħek u jisimgħu dejjem l-għerf tiegħek!

8Ikun imbierek il-Mulej, Alla tiegħek, li tgħaxxaq bik, u qiegħdek fuq it-tron tiegħu, b'sultan tal-Mulej, Alla tiegħek; għax Alla tiegħek ħabb lil Iżrael, u jrid iżommu ħaj għal dejjem, u għamlek sultan fuqhom biex tagħmel il-ħaqq u l-ġustizzja."

9Imbagħad tat lis-sultan mija u għoxrin talent deheb, u kotra kbira ta' ħwawar u ħaġar prezzjuż; u qatt ma kien hemm kotra ta' ħwawar daqs dik li tat is-sultana ta' Saba lis-sultan Salamun.


© 2020 Malta Bible Society.

[10]Il-qaddejja wkoll ta' Huram, mal-qaddejja ta' Salamun, li kienu jġibu d-deheb minn Ofir, ġiebu injam tas-sandal u ħaġar prezzjuż.

[11]U mill-injam tas-sandal is-sultan għamel taraġ għad-dar tal-Mulej, u għad-dar tas-sultan, u kitarri u arpi għall-kantanti. U qatt ħadd qabel ma kien ra bħalhom fl-art ta' Ġuda.

[12]U s-sultan Salamun ta lis-sultana ta' Saba kulma kienet tixtieq u talbitu, aktar milli kienet ġiebet hi lis-sultan, u reġgħet marret lejn artha, hija u l-qaddejja tagħha.

### L-għana u l-għerf ta' Salamun

[13]U d-deheb li kien idaħħal kull sena Salamun kien ilaħħaq sitt mija u sitta u sittin talent deheb,

[14]barra dak li kienu jġibulu n-neguzjanti u l-bejjiegħa; u s-slaten kollha tal-Għarabja u l-gvernaturi tal-pajjiż kienu jġibu wkoll deheb u fidda lil Salamun.

[15]U s-sultan Salamun għamel ukoll mitejn tarka tad-deheb battut - u kull waħda ħadet sitt mitt xekel deheb battut -

[16]u tliet mitt tarka żgħira tad-deheb battut, li kull waħda ħadet tliet mitt xekel deheb, u qegħedhom is-sultan f'Dar il-Foresta tal-Libanu.

[17]U s-sultan għamel tron kbir tal-avorju u ksieh b'deheb mill-ifjen.

[18]U t-tron kellu sitt tarġiet u mirfes tad-deheb imwaħħlin miegħu; u żewġ dirgħajn wieħed fuq kull naħa tal-maqgħad, u żewġ iljuni ħdejn id-dirgħajn;

[19]u tnax-il ljun fuq is-sitt tarġiet, wieħed f'kull tarf ta' tarġa, 'l hemm u 'l hawn; ħaġa bħal din qatt ma kienet saret, f'ebda saltna.

[20]U l-koppiet li kien jixrob minnhom is-sultan Salamun kienu kollha tad-deheb, u hekk ukoll kienu tad-deheb fin il-koppiet tad-dar tal-Foresta tal-Libanu. Xejn ma kien hemm tal-fidda, għax xejn ma kienu jqisuha l-fidda fi żmien Salamun.

[21]Għax l-iġfien tas-sultan kienu jmorru Tarsis mal-qaddejja ta' Huram; darba kull tliet snin l-iġfien ta' Tarsis kienu jerġgħu lura u jġibu deheb u fidda, avorju, xadini u paguni.

[22]U s-slaten tal-art għaddiehom ilkoll is-sultan Salamun fl-għana u fl-għerf.

[23]U s-slaten kollha tal-art kienu jfittxu wiċċ Salamun biex jisimgħu għerfu li Alla żejjinlu moħħu bih.

[24]U kulħadd kien iġiblu l-offerti tiegħu: oġġetti tal-fidda u oġġetti tad-deheb, ilbies, armi u ħwawar, u żwiemel u bgħula, ta' kull sena.

[25]U kellu Salamun erbat elef stalla għaż-żwiemel u għall-karrijiet, u tnax-il elf rikkieb; u qassamhom fl-ibliet tal-karrijiet u f'Ġerusalemm madwar is-sultan.


© 2020 Malta Bible Society.

26U hu kien jaħkem fuq is-slaten kollha mix-xmara sal-art tal-Filistin u l-fruntieri tal-Eġittu.

27U l-fidda li kien hemm f'Ġerusalemm kattarha bħall-ġebel, u l-injam taċ-ċedru għamlu bħall-injam tat-tin selvaġġ li jikber fil-wita.

28U kienu joħorġu ż-żwiemel għal Salamun minn Musri u mill-artijiet kollha.

### Tmiem is-saltna ta' Salamun

29U l-bqija tal-ġrajja ta' Salamun, mill-ewwel sal-aħħar, huma miktuba fil-Ġrajja ta' Natan il-Profeta, fil-Profeziji ta' Aħija s-Siluni, u fid-Dehra ta' Għiddu l-Veġġent dwar Ġerobogħam bin Nebat.

30U Salamun saltan f'Ġerusalemm fuq Iżrael kollu għal erbgħin sena.

31U Salamun strieħ ma' missirijietu, u difnuh fil-belt ta' David missieru; u floku beda jsaltan Reħobogħam.

## 2 Kronaki 10

### Reħobogħam u Iżrael

1Reħobogħam mar f'Sikem, għax f'Sikem kien iltaqa' Iżrael kollu biex jagħmluh sultan.

2Ġara li Ġerobogħam bin Nebat kien l-Eġittu, fejn kien ħarab minn quddiem is-sultan Salamun; malli sama' b'dan raġa' lura mill-Eġittu.

3Imbagħad bagħtu jsejħulu u hu ġie. U Ġerobogħam u Iżrael kollu ġew u qalu lil Reħobogħam:

4"Missierek qegħdilna madmad iebes fuqna; issa ħaffilna dan il-jasar ta' missierek u dan it-toqol ta' madmad, u aħna nservuk."

5U hu weġibhom: "Morru u ħallu tlitt ijiem jgħaddu, u erġgħu ejjew għandi." U l-poplu mar.

6Imbagħad is-sultan Reħobogħam ħa parir mingħand ix-xjuħ tal-kunsill, li missieru Salamun, kemm dam ħaj, kien iżommhom madwaru biex jgħinuh. U Reħobogħam staqsiehom: "Xi tweġiba jidhrilkom li għandi nagħti lil dan il-poplu?"

7U huma weġbuh: "Jekk illum inti tkun twajjeb ma' dan il-poplu u tagħraf togħġobhom u tfittex tkellimhom bit-tajjeb, huma jkunu l-qaddejja tiegħek għal dejjem."

8Iżda hu warrab fil-ġenb dan il-parir li tawh ix-xjuħ tal-kunsill, u fittex il-parir taż-żgħażagħ li kienu trabbew miegħu u kienu madwaru.


© 2020 Malta Bible Society.

9 U staqsiehom: “Xi tweġiba jidhrilkom li għandi nagħti lil dan il-poplu li kellmuni u qaluli, ‘Ħaffilna l-madmad li qegħdilna missierek’?”

10 U ż-żgħażagħ li kienu trabbew miegħu weġbuh u qalulu: “Hekk għid lil dan il-poplu, li kellmuk u qalulek: ‘Missierek taqqal il-madmad fuqna, issa ħaffifhulna inti,’ hekk għidilhom: “Sebgħi ż-żgħir eħxen minn ġenbejn missieri.

11 Missieri taqqlilkom il-madmad u jien se nżid fuqu. Missieri kien isawwatkom bil-frosta, jien insawwatkom bl-iskorpjuni.”

12 Fit-tielet jum ġie Ġerobogħam flimkien mal-poplu kollu għand Reħobogħam hekk kif kien ordnalhom is-sultan stess meta qalilhom: “Erġgħu ejjew għandi fit-tielet jum.”

13 Iżda kiefra kienet it-tweġiba tas-sultan wara li s-sultan Reħobogħam kien warrab fil-ġenb il-parir tax-xjuħ tal-kunsill

14 u qagħad għall-parir taż-żgħażagħ. Għalhekk qalilhom: “Missieri taqqlilkom il-madmad tagħkom u jien se nżid fuqu. Missieri kien isawwatkom bil-frosti, imma jien insawwatkom bl-iskorpjuni.”

15 U hekk is-sultan baqa’ ma tax widen lill-poplu, ladarba din il-ħaġa seħħet kif kien riedha Alla, biex il-Mulej isaħħaħ kelmtu, li kien qal lil Ġerobogħam bin Nebat permezz tal-profeta Aħija s-Siluni.

16 Meta Iżrael kollu ra li s-sultan ma tahomx widen, il-poplu wieġeb lis-sultan u qallu: “Ebda sehem ma għandna ma’ David; ebda wirt ma’ bin Ġesse. Għat-tined tiegħek, Iżrael! Issa aħseb int għal darek, David!” U Iżrael kollu telqu għat-tined tagħhom.

17 Iżda Reħobogħam baqa’ jsaltan fuq ulied Iżrael li kienu joqogħdu fl-ibliet ta’ Ġuda.

18 Meta mbagħad is-sultan Reħobogħam bagħat lil Hadoram, dak li kien jieħu ħsieb ix-xogħol tal-lieva, ulied Iżrael ħaġġruh u qatluh. Imbagħad is-sultan Reħobogħam fittex jirkeb il-karru biex jaħrab lejn Ġerusalemm.

19 Hekk Iżrael inqata’ minn David, u baqgħu mifrudin sal-lum.

## 2 Kronaki 11

### Il-profezija ta’ Semajja

1 U Reħobogħam mar Ġerusalemm u laqqa’ d-dar kollha ta’ Ġuda u Benjamin, mija u tmenin elf gwerrier magħżul, biex jaħbtu għal Iżrael u jġibu lura s-saltna lil Reħobogħam.

2 Imma l-Mulej kellem lil Semajja, bniedem ta’ Alla, u qallu:

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

3“Kellem lil Reħobogħam bin Salamun, sultan ta’ Ġuda, u lil Iżrael kollu li hemm f’Ġuda u f’Benjamin u għidilhom:

4‘Dan jgħid il-Mulej: La titilgħux u la tissiltux ma’ ħutkom. Kulħadd imur lejn daru, għax minni ġej dan kollu.’ ” U huma semgħu dan il-kliem tal-Mulej, u reġgħu lura, u ma marrux kontra Ġerobogħam.

### Il-fortifikazzjonijiet ta’ Ġerobogħam

5U Reħobogħam għammar f’Ġerusalemm, u bena bliet iffortifikati f’Ġuda.

6Bena lil Betlehem, lil Għetam, lil Tekugħa,

7lil Betsur, lil Xoku, lil Għadullam,

8lil Gatt, lil Maresa, lil Żif,

9lil Adorajm, lil Lakis, lil Għażeka,

10lil Sorgħa, lil Ajjalon, lil Hebron, kollha bliet iffortifikati li kien hemm f’Ġuda u Benjamin.

11Saħħaħ il-fortifikazzjonijiet u qiegħed fihom kmandanti u ħażniet tal-ikel, żejt u nbid.

12U f’kull belt qiegħed tarki u lanez; u hekk saħħaħhom b’forzi kbar. Lilu baqgħulu biss Ġuda u Benjamin.

### Qassisin u Leviti f’Ġerusalemm

13U l-qassisin u l-Leviti li kienu f’Iżrael kollu nġabru madwaru mill-inħawi kollha.

14U l-Leviti ħallew il-mergħat u l-ġid tagħhom u marru Ġuda u Ġerusalemm. Għax Ġerobogħam u wliedu ma ħallewhomx jaqdu lill-Mulej bħala qassisin,

15imma għamel qassisin oħra għas-santwarji, għall-allat-mogħoż u għall-allat-għoġiela li hu stess kien għamel.

16U warajhom baqgħu ġejjin Ġerusalemm it-tribujiet kollha ta’ Iżrael, dawk li baqgħu jfittxu minn qalbhom lill-Mulej, Alla ta’ Iżrael, u joffru s-sagrifiċċji lill-Mulej, Alla ta’ missirijiethom.

17U saħħew is-saltna ta’ Ġuda, u wettqu lil Reħobogħam bin Salamun għal tliet snin, għax għal tliet snin baqgħu miexja fit-triq ta’ David u Salamun.

### Il-familja ta’ Reħobogħam

18U Reħobogħam ħa b’martu lil Maħalat bint Ġerimot bin David u Abiħajl bint Elijab bin Ġessi

19u hi welditlu dawn is-subien: Ġegħus, Semarija u Żaħam.


© 2020 Malta Bible Society.

[20]U warajha ħa lil Magħka bint Absalom, u welditlu lil Abija, lil Għattaj, lil Żiża u
lil Selomit.

[21]U Reħobogħam kien ħabbha lil Magħka bint Absalom aktar min-nisa u l-
konkubini l-oħra tiegħu kollha - għax kien ħa tmintax-il mara u sittin konkubina,
u nissel tmienja u għoxrin tifel u sittin tifla.

[22]Għalhekk Reħobogħam għamel lil Abija bin Magħka prinċep fuq ħutu, biex
hekk ikun jista' jagħmlu sultan.

[23]U kien għaqli biżżejjed biex qassam lil uliedu mal-art kollha ta' Ġuda u
Benjamin fl-ibliet kollha ffortifikati; u tahom ikel bl-abbundanza u kisbilhom
ħafna nisa.

## 2 Kronaki 12

### L-invażjoni ta' Ġerusalemm

[1]Ġara li malli ssaħħet is-saltna tiegħu, Reħobogħam warrab il-liġi tal-Mulej u
Iżrael kollu miegħu.

[2]Għalhekk fil-ħames sena tas-sultan Reħobogħam tala' Sisak, sultan tal-Eġittu,
għal Ġerusalemm għax kienu dinbu kontra l-Mulej.

[3]Tala' b'elf u mitejn karru u b'sittin elf rikkieb, u kotra bla qjies ta' nies, li telgħu
miegħu mill-Eġittu, Lubim, Sukkijjin u Kusim.

[4]U ħataf f'idejh l-ibliet iffortifikati ta' Ġuda u wasal sa Ġerusalemm.

[5]U l-profeta Semajja mar għand Reħobogħam u l-prinċpijiet ta' Ġuda li kienu
nġabru f'Ġerusalemm minħabba Sisak. U l-profeta qalilhom: "Dan jgħid il-Mulej:
'Intom tlaqtuni u issa jien tlaqtkom f'idejn Sisak.' "

[6]U l-prinċpijiet ta' Iżrael u s-sultan daħlu fihom infushom u qalu: "Ġust hu l-
Mulej!"

[7]U meta l-Mulej rahom li daħlu fihom infushom waslet il-kelma tal-Mulej lil
Semajja u qallu: "Daħlu fihom infushom, ma neqridhomx; imma ftit ieħor
nagħtihom il-ħelsien, u ma jissawwabx l-għadab tiegħi fuq Ġerusalemm
permezz ta' Sisak;

[8]imma jsiru suġġetti għalih, ħa jkunu jafu x'jiġifieri sservu lili u sservu s-slaten
tal-art."

[9]U Sisak, sultan tal-Eġittu, tala' għal Ġerusalemm, u ħataf f'idejh it-teżori tat-
tempju tal-Mulej, u t-teżori tal-palazz tas-sultan; kollox ħa. Ħa wkoll it-tarkiet
tad-deheb li kien għamel Salamun.

[10]Flokhom is-sultan Reħobogħam għamel tarki tal-bronż, u ħalliehom fil-ħsieb
tal-kmandant tal-gwardji li kienu jgħassu f'bieb il-palazz tas-sultan.


© 2020 Malta Bible Society.

11 U kull meta s-sultan kien imur fit-tempju tal-Mulej, kienu jiġu l-gwardji u jeħduhom, u mbagħad kienu jerġgħu jqegħduhom fil-kamra tal-gwardji.

12 U talli Reħobogħam daħal fih innifsu dar minn fuqu l-għadab tal-Mulej, u ma qerdux għalkollox; u f'Ġuda wkoll kien hemm ir-risq tajjeb.

### Is-saltna ta' Reħobogħam

13 U ssaħħaħ is-sultan Reħobogħam f'Ġerusalemm u baqa' jsaltan. Kellu wieħed u erbgħin sena meta beda jsaltan, u saltan sbatax-il sena f'Ġerusalemm, il-belt li l-Mulej għażel minn fost it-tribujiet kollha ta' Iżrael, biex fiha jqiegħed ismu. Ommu kien jisimha Nagħma l-Għammonija.

14 Hu għamel il-ħażin, għax ma dawwarx qalbu biex ifittex il-Mulej.

15 U l-ġrajja ta' Reħobogħam mill-bidu sal-aħħar huma miktuba fil-Ġrajja ta' Semajja l-Profeta, u Għiddu l-Veġġent, fi ktieb in-nisel. U kien hemm dejjem il-gwerra bejn Reħobogħam u Ġerobogħam.

16 U Reħobogħam strieħ ma' missirijietu, u difnuh fil-belt ta' David; u Abija, ibnu, beda jsaltan minfloku.

## 2 Kronaki 13

### Abija sultan ta' Ġuda

1 U fis-sena tmintax tas-sultan Ġerobogħam beda jsaltan Abija fuq Ġuda.

2 Tliet snin dam isaltan f'Ġerusalemm, u ommu kien jisimha Mikija bint Urjel minn Gibgħa; u kien hemm il-gwerra bejn Abija u bejn Ġerobogħam.

3 Abija daħal għall-gwerra b'eżerċtu ta' nies qalbiena għall-ġlied, erba' mitt elf raġel magħżul, u Ġerobogħam qassam kontrih għat-taqbida tmien mitt elf raġel magħżul, gwerriera qalbiena.

4 U qam Abija fuq il-muntanja ta' Żemarajm li hemm fil-muntanji ta' Efrajm u qal: "Ismagħni Ġerobogħam u Iżrael kollu.

5 Ma tafuhiex jaqaw, li l-Mulej, Alla ta' Iżrael, ta lil David is-saltna fuq Iżrael għal dejjem, lilu u lil uliedu, b'patt li ma jitħassarx?

6 U qam Ġerobogħam bin Nebat, qaddej ta' Salamun bin David, u rvilla kontra sidu.

7 U nġabru madwaru nies ta' xejn, nies ta' qattagħni u għelbu lil Reħobogħam bin Salamun. Reħobogħam kien għadu żagħżugħ, bla ħila u ma felaħx jeqfilhom.

8 U issa intom tgħidu li tifilħu għas-saltna tal-Mulej li qiegħda f'idejn ulied David, għax intom kotra kbira u magħkom hemm l-għoġiela tad-deheb li għamlilkom b'allat Ġerobogħam.


© 2020 Malta Bible Society.

9Ma keċċejtux intom il-qassisin tal-Mulej, ulied Aron, u l-Leviti, u għamiltu
għalikom qassisin bħall-popli ta' artijiet oħra? Kull min jiġi b'għoġol ta' seba'
mtaten biex ikun ikkonsagrat, isir qassis ta' min mhux Alla.

10Imma aħna, il-Mulej hu Alla tagħna, u aħna ma tlaqniehx. U l-qassisin li jservu
lill-Mulej huma wlied Aron u l-Leviti fis-servizz tagħhom.

11Huma joffru lill-Mulej kull filgħodu u kull filgħaxija sagrifiċċji tal-ħruq u inċens
tal-ħwawar ifuħu u jqiegħdu l-ħobż tal-preżenza fuq il-mejda safja u jixegħlu l-
imnara tad-deheb u l-imsiebaħ tagħha, kull filgħaxija, għax aħna nħarsu l-
ordnijiet tal-Mulej, Alla tagħna, imma intom tlaqtuh.

12Araw, magħna, fuq quddiem, hemm Alla u l-qassisin tiegħu bit-trombi biex
jagħtu s-sinjal tal-battalja kontrikom. Ulied Iżrael, titqabdux kontra l-Mulej, Alla
ta' missirijietkom, għax ma jirnexxilkomx."

13U Ġerobogħam kien bagħat nies bil-moħbi biex jieħdu l-għadu minn wara; u
ġara li quddiem Ġuda kien hemm l-eżerċtu u minn warajhom in-nies moħbija.

14Malli Ġuda raw li kellhom jiġġieldu minn quddiem u minn wara, huma sejħu
lill-Mulej u l-qassisin daqqew it-trombi.

15In-nies ta' Ġuda għajtu l-għajta tal-gwerra, u malli dan Alla darab lil
Ġerobogħam u lil Iżrael kollu quddiem Abija u Ġuda.

16U ħarbu wlied Iżrael minn quddiem Ġuda u Alla rħiehom f'idejhom.

17U Abija u n-nies tiegħu tawhom xebgħa kbira u baqgħu mejta minn Iżrael
ħames mitt elf raġel mill-aħjar.

18Hekk dakinhar ulied Iżrael kienu umiljati u wlied Ġuda msaħħa għax huma
strieħu fuq il-Mulej, Alla ta' missirijiethom.

19U Abija għamel għal wara Ġerobogħam, u ħadlu l-ibliet ta' Betel u l-irħula
tagħha, Ġesana bl-irħula tagħha, Efron bl-irħula tagħha.

20U Ġerobogħam qatt ma sata' jieħu ruħ fi żmien Abija. Imbagħad laqtu l-Mulej
u miet.

21Imma Abija ssaħħaħ, u żżewweġ erbatax-il mara, u nissel tnejn u għoxrin tifel
u sittax-il tifla.

22Il-bqija tal-ġrajja, l-imġiba tiegħu u l-għemejjel tiegħu huma kollha miktuba fl-
Istorja ta' Għiddu l-profeta.

23U Abija strieħ ma' missirijietu u difnuh fil-belt ta' David. Daħal isaltan floku
Asa, ibnu; u fi żmienu l-pajjiż kien fil-kwiet għal għaxar snin.

## 2 Kronaki 14


© 2020 Malta Bible Society.

### Is-saltna ta' Asa

1Asa għamel it-tajjeb u s-sewwa f'għajnejn il-Mulej Alla tiegħu.

2Neħħa l-artali barranin, u s-santwarji, u kisser il-plieri, u farrak ix-xbihat tal-Asera.

3U ordna lil Ġuda biex ifittxu lill-Mulej, Alla ta' missirijiethom, u li jħarsu l-liġi u l-kmandamenti.

4Neħħa mill-ibliet kollha ta' Ġuda s-santwarji, u l-artali tal-inċens, u s-saltna tiegħu kellha l-kwiet.

5U bena wkoll bliet iffortifikati f'Ġuda għax il-pajjiż kien kwiet u ma kellux gwerer f'dawk is-snin; għax il-Mulej kien tah il-mistrieħ.

6U qal lil Ġuda: "Ha nibnu dawn l-ibliet, u ndawruhom bis-swar, u t-torrijiet, bibien u żbarri, waqt li l-art għadha f'idejna. Aħna fittixna lill-Mulej, Alla tagħna, fittixnieh u hu tana l-mistrieħ madwarna." U bnewhom u kellhom ir-risq.

7Asa kellu eżerċtu ta' tliet mitt elf ruħ minn Ġuda, armati bit-tarkiet il-kbar u l-lanez, u mitejn u tmenin elf ruħ minn Benjamin armati b'tarkiet żgħar, u mħarrġa fil-ġbid tal-qaws, kollha rġiel qalbiena.

8U ħareġ għalihom Żeraħ il-Kusi, b'eżerċtu ta' miljun ruħ u tliet mitt karru; u waslu sa Maresa.

9U Asa ħareġ għalih, u tqassmu għall-battalja fil-wied ta' Sefata ħdejn Maresa.

10U sejjaħ Asa lill-Mulej, Alla tiegħu, u qal: "Mulej, mhu xejn għalik tgħin wieħed qawwi u tgħin wieħed bla saħħa. Għinna, Mulej, Alla tagħna, fuqek nistrieħu; f'ismek ġejna kontra din il-kotra. Mulej inti Alla tagħna; ma jkunx hemm bniedem aqwa minnek!"

11U l-Mulej għeleb lill-Kusin quddiem Asa u Ġuda; u l-Kusin ħarbu.

12U għamel għal warajhom Asa u n-nies li kellu miegħu sa Gerar; u mill-Kusin tant waqgħu mejta li ma baqgħalhom ħadd ħaj, għax tkissru quddiem il-Mulej u quddiem l-eżerċtu tiegħu. U ħadu priża kbira ħafna.

13U ħarbtu l-ibliet kollha ta' madwar Gerar, għax waqa' fuqhom il-biża' tal-Mulej, u ħatfu kulma kien hemm fl-ibliet, għax fihom kien hemm priża kbira.

14Habtu wkoll għall-għerejjex tal-imrieħel, u ħadu ħafna nagħaġ u iġmla. U reġgħu lura lejn Ġerusalemm.

## 2 Kronaki 15

### Il-parir ta' Għażarija


© 2020 Malta Bible Society.

1U Għażarija bin Għoded niżel fuqu l-ispirtu tal-Mulej.

2U mar quddiem Asa u qallu: "Isimgħuni, Asa u intom ukoll, Ġuda u Benjamin: Il-
Mulej ikun magħkom, meta intom tkunu miegħu; u meta intom tfittxuh, intom
issibuh; u meta intom titilquh, hu jitlaqkom.

3Għal żmien twil Iżrael kien bla Alla veru, bla qassis għalliem, u bla liġi.

4Imma fid-dwejjaq tiegħu raġa' lura għal għand il-Mulej, Alla ta' Iżrael, fittxewh
u sabuh.

5Dak iż-żmien ma kienx hemm sliem għal min joħroġ u għal min jidħol, għaliex
taħwid kbir kien hemm għal kull min kien jgħammar f'dawk l-artijiet.

6U kienu mfarrka bċejjeċ, ġens kontra ġens u belt kontra belt, għax Alla
ħabbathom b'kull xorta ta' inkwiet.

7Imma intom agħmlu l-qalb! Tħallux li jintelqu idejkom, għax ikun hemm il-ħlas
għal għemilkom."

8Malli Asa sama' dan il-kliem u l-profezija ta' Għażarija bin Għoded, il-profeta,
għamel il-qalb u neħħa l-idoli moqżieża mill-art kollha ta' Ġuda u Benjamin, u
mill-ibliet li kien ħa f'idejh fuq il-muntanji ta' Efrajm, u ġedded l-artal tal-Mulej,
li kien hemm quddiem il-portiku tal-Mulej.

9U ġama' lil Ġuda kollu u 'l Benjamin u l-barranin li kienu magħhom minn Efrajm
u Manassi u Simgħon. Għax waqgħu f'idejh ħafna minn Iżrael, malli raw li l-Mulej,
Alla tiegħu, kien miegħu.

10U nġemgħu f'Ġerusalemm fit-tielet xahar tas-sena ħmistax tas-saltna ta' Asa.

11U dakinhar offrew sagrifiċċji lill-Mulej mill-priża li kienu ġiebu: seba' mitt
baqra u sebat elef nagħġa.

12U daħlu f'patt u wiegħdu li jfittxu l-Mulej, Alla ta' missirijiethom, b'qalbhom
kollha u b'ruħhom kollha.

13U kull min ma fittixx lil Alla ta' Iżrael tawh il-mewt, miż-żgħir sal-kbir, raġel
jew mara.

14U ħalfu lill-Mulej b'leħen għoli u b'għajta kbira bid-daqq tat-trombi u tal-
kornu.

15U ferħu Ġuda bil-ħalfa, għax b'qalbhom kollha kienu ħalfu, u b'rieda sħiħa
kienu fittxewh u sabuh; u l-Mulej tahom il-mistrieħ madwarhom kollu.

16U saħansitra Magħka, omm is-sultan, Asa neħħieha minn reġina-omm għax
kienet għamlet idolu moqżież lill Asera; u Asa kisser dan l-idolu tagħha, u
għamlu trab, u ħarqu fil-wied ta' Kedron.


© 2020 Malta Bible Society.

17Imma s-santwarji ma tneħħewx minn Iżrael. Biss qalb Asa kienet sħiħa mal-
Mulej għal għomru kollu.

18U daħħal fit-templu ta' Alla l-offerti mqaddsa ta' missieru: fidda, deheb u
ħwejjeġ oħra.

19U ma kien hemm qatt gwerra sal-ħamsa u tletin sena tas-saltna ta' Asa.

## 2 Kronaki 16

### Asa u Benħadad

1Fis-sena sitta u tletin tas-saltna ta' Asa, Bagħsa, sultan ta' Iżrael, tala' kontra
Ġuda, u bena Rama biex ma jħalli lil ħadd joħroġ jew jidħol għand Asa, sultan ta'
Ġuda.

2U Asa ħareġ il-fided u d-deheb mill-imħażen ta' dar il-Mulej, u mill-palazz tas-
sultan, u bagħathom lil Benħadad, is-sultan ta' Aram, li kien jgħammar
f'Damasku u qallu:

3"Ħa jkun hemm patt bejni u bejnek, bħalma kien hemm bejn missieri u bejn
missierek. Hawn qiegħed nibgħatlek ir-rigali tal-fidda u d-deheb. Ħoll il-patt li
għandek ma' Bagħsa, sultan ta' Iżrael, ħalli jwarrab minni."

4U Benħadad sama' mis-sultan Asa, u bagħat il-kmandanti tal-eżerċtu li kellu
biex jaħbtu għall-ibliet ta' Iżrael, u ħarbtu l-ibliet ta' Għijjon, Dan, Abel-majm, u
l-imħażen tal-ibliet ta' Naftali.

5U malli Bagħsa sama' b'dan kollu waqqaf il-bini ta' Rama u waqqaf ix-xogħol
tiegħu kollu.

6U Asa s-sultan ħa 'l Ġuda kollu u ġarrew il-ġebel kollu u l-injam kollu ta' Rama,
li bihom kien bnieha Bagħsa u bena bihom Geba u Misfa.

### Il-veġġent Ħanani

7F'dak iż-żmien ġie l-veġġent Hanani għand Asa, sultan ta' Ġuda, u qallu: "Talli
int striħajt fuq is-sultan ta' Aram u ma striħajtx fuq il-Mulej, Alla tiegħek, l-
eżerċtu tas-sultan ta' Aram ħarab minn taħt idejk.

8Jaqaw ma kinux il-Kusin u l-Libin eżerċtu kbir b'ħafna karrijiet u rikkieba?
Imma għax int striħajt fuq il-Mulej, hu rħiehom f'idejk.

9Għax għajnejh jiġru fuq l-art kollha, isaħħaħ lil dawk li qalbhom marbuta fis-
sħiħ miegħu. Tbellaht f'dan, għax minn issa 'l quddiem ma jkollokx ħlief gwerer.

10U Asa għadab għall-veġġent, u xeħtu l-ħabs, għax kellu dagħdigħa fuqu
minħabba dan. U dik il-ħabta Asa beda jgħakkes lil xi wħud mill-poplu.


© 2020 Malta Bible Society.

11U l-ġrajja ta' Asa mill-bidu sal-aħħar huma miktuba fi Ktieb is-Slaten ta' Ġuda u Iżrael.

12Fid-disgħa u tletin sena tas-saltna tiegħu, Asa marad b'riġlejh u l-marda għafsitu sewwa, u lanqas fil-mard ma fittex lill-Mulej, imma lit-tobba.

13U strieħ Asa ma' missirijietu, u miet fis-sena wieħed u erbgħin tas-saltna tiegħu.

14U difnuh fil-qabar li kien ħaffer fil-belt ta' David, u qegħduh fuq sodda mimlija fwejjaħ u ħafna ħwawar maħduma bis-sengħa tal-fewwieħ, u qabbdulu ħuġġieġa kbira.

## 2 Kronaki 17

### Ġosafat sultan ta' Ġuda

1U daħal isaltan floku Ġosafat, ibnu; u rama ruħu kontra Iżrael.

2U qiegħed gwarniġjun fl-ibliet iffortifikati ta' Ġuda, u għases fl-art ta' Ġuda u fl-ibliet ta' Efrajm li kien ħa f'idejh Asa, missieru.

3U l-Mulej kien ma' Ġosafat għax kien miexi skont l-ewwel triqat ta' missieru, u ma fittixx lill-Bagħlim.

4Fittex tassew lil Alla ta' missirijietu, u mexa skont il-kmandamenti tiegħu, u mhux skont għemil Iżrael.

5U l-Mulej wettaqlu s-saltna f'idejh, u Ġuda kollu kienu jġibu t-tribut lil Ġosafat, u hu kien igawdi ġid u ġieħ bix-xaba'.

6U qalbu kienet imkabbra bit-triqat tal-Mulej; u barra dan neħħa wkoll is-santwarji u l-artali tal-Asera minn Ġuda.

7Fit-tielet sena tas-saltna tiegħu bagħat lill-prinċpijiet tiegħu Benħajil, Għobadija, Żakkarija, Natanjel u Mika, biex jgħallmu fl-ibliet ta' Ġuda.

8U magħhom il-Leviti Semajja, Netanija, Żebadija, Għaxajel, Semiramot, Ġonatan, Adonija, Tobija, Tobadonija, u magħhom il-qassisin Elisama u Ġeħoram.

9U marru jgħallmu f'Ġuda bil-Ktieb tal-Liġi tal-Mulej f'idejhom, u daru l-ibliet kollha ta' Ġuda jgħallmu lill-poplu.

### Il-qawwa ta' Ġosafat

10Ġara li l-biża' tal-Mulej ħakem is-saltniet kollha tal-artijiet kollha ta' madwar Ġuda, u ħadd ma kien miġġieled ma' Ġosafat.

11U saħansitra minn fost il-Filistin kienu jġibu lil Ġosafat rigali u fidda bħala tribut; u l-Għarab ukoll kienu jġibulu mrieħel sħaħ; sebat elef u seba' mitt muntun, u sebat elef u seba' mitt bodbod.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

12Hekk Ġosafat baqa' dejjem jikber u jogħla. U bena f'Ġuda fortizzi u bliet għall-
imħażen.

13U kellu ħażniet kbar fl-ibliet ta' Ġuda, u gwerriera qalbiena f'Ġerusalemm.

14U dan hu l-għadd tagħhom skont djar missirijiethom. Mit-tribù ta' Ġuda l-
kmandanti tal-eluf kienu: il-kmandant Għadna bi tliet mitt elf gwerrier qalbieni
miegħu;

15u warajh il-kmandant Ġeħoħanan b'mitejn u tmenin elf ruħ miegħu;

16warajh Amasija bin Żikri li ta ruħu lill-Mulej minn rajh b'mitejn elf gwerrier
qalbieni miegħu.

17Mit-tribù ta' Benjamin: Eljada, gwerrier qalbieni, b'mitejn elf ruħ armati bil-
qaws u t-tarka.

18Warajh Ġeħożabad b'mija u tmenin elf armati għall-gwerra.

19Dawn kienu fis-servizz tas-sultan barra dawk li kienu mqassma mis-sultan fl-
ibliet iffortifikati mal-art kollha ta' Ġuda.

## 2 Kronaki 18

### Ftehim bejn Ġosafat u Aħab

1Ġosafat kellu ġid bla qjies, u tħallat bi żwieġ ma' Aħab.

2Wara li għaddew xi snin niżel għand Aħab f'Samarija. Aħab offra b'sagrifiċċju
kotra ta' baqar u nagħaġ, għalih u għan-nies li kellu miegħu, u ħajru jitla' miegħu
kontra Ramot-gilgħad.

3U Aħab, is-sultan ta' Iżrael, qal lil Ġosafat sultan ta' Ġuda: "Tiġi miegħi Ramot-
gilgħad?" U dak wieġbu: "Lili qisni int; lill-poplu tiegħi qisu l-poplu tiegħek; u
aħna miegħek għall-gwerra."

4U Ġosafat qal lis-sultan ta' Iżrael: "Stħarreġ issa l-kelma tal-Mulej!"

5U s-sultan ta' Iżrael ġabar il-profeti, erba' mitt wieħed, u staqsiehom: "Immorru
għal Ramot-gilgħad, jew nibqa' hawn?" U huma weġbuh: "Itla', u jerħilha Alla
f'idejn is-sultan."

6U Ġosafat qal: "Ma għadx baqa' xi profeta tal-Mulej biex nistaqsu lilu?"

7U s-sultan ta' Iżrael wieġeb lil Ġosafat: "Għad fadal ieħor biex nistaqsu lill-Mulej
permezz tiegħu. Imma jiena nobogħdu għax qatt ma jħabbarli r-riżq imma
dejjem id-deni - Mikaja bin Imla." U Ġosafat wieġeb: "Ma għandux jgħid hekk is-
sultan."

8U s-sultan ta' Iżrael sejjaħ wieħed mill-uffiċjali u qallu: "Ġib malajr lil Mikaja bin
Imla."


© 2020 Malta Bible Society.

9U s-sultan ta' Iżrael u Ġosafat, is-sultan ta' Ġuda, kienu qegħdin kull wieħed fuq
it-tron tiegħu, libsin gala, fil-misraħ ħdejn id-daħla tal-bieb ta' Samarija, u l-
profeti kollha jħabbru quddiemhom.

10U Sedekija bin Kengħana għamel qrun tal-ħadid u qal: "Dan jgħid il-Mulej:
B'dawn tidrob lil Aram sa ma ġġibhom fix-xejn."

11U l-profeti lkoll ħabbru l-istess u bdew jgħidu: "Itla' għal Ramot-gilgħad u r-
riżq miegħek, għax il-Mulej jerħiha f'idejn is-sultan."

**Il-profezija ta' Mikaja**

12U l-messaġġier li kien mar isejjaħ lil Mikaja, kellmu u qallu: "Ara, il-profeti lkoll
kelma waħda jħabbru l-ġid lis-sultan. Tkun mela l-kelma tiegħek bħall-kelma ta'
kull wieħed minnhom, u ħabbar il-ġid."

13U Mikaja wieġbu: "Daqs kemm hu ħaj il-Mulej, dak li jgħidli Alla tiegħi,
ngħidhulu!"

14U wasal għand is-sultan u s-sultan qallu: "Mikaja, immorru naħbtu għal Ramot-
gilgħad jew nibqa' hawn?" U dan wieġeb: "Itilgħu u r-riżq magħkom; għax
jintreħew f'idejkom."

15U s-sultan qallu: "Kemm-il darba għandi ngagħlek taħlef jien, biex ma tgħidx
ħlief is-sewwa f'isem il-Mulej."

16U l-profeta wieġbu: "Rajt lil Iżrael kollu mxerred fuq il-muntanji bħan-nagħaġ
bla ragħaj. U l-Mulej qal: 'Ma għandhomx sidien dawn. Ha jerġgħu bis-sliem
kulħadd għal daru.'"

17U s-sultan ta' Iżrael qal lil Ġosafat: "Ma għedtlikx jien li mhux se jħabbarli r-
riżq, imma d-deni?"

18Imma l-profeta qal: "Isimgħu l-kelma tal-Mulej: Jien rajt lill-Mulej bilqiegħda
fuq it-tron tiegħu, u l-eżerċti kollha tas-sema qegħdin fuq il-lemin u fuq ix-xellug
tiegħu.

19U qal il-Mulej: 'Min se jqarraq b'Aħab, sultan ta' Iżrael, biex jitla' u jibqa' mejjet
f'Ramot-gilgħad?' U min wieġeb mod u min wieġeb ieħor.

20U mbagħad ħareġ spirtu u ppreżenta ruħu quddiem il-Mulej u qallu: 'Jiena
nqarraq bih.' U l-Mulej staqsieh: 'Biex?'

21U dak wieġeb: 'Jien noħroġ u nkun l-ispirtu tal-gideb fuq fomm il-profeti tiegħu
kollha.' U wieġbu: 'Int tqarraq bih u tirbaħ żgur. Mur u agħmel hekk.'

22U issa, ara, il-Mulej qiegħed l-ispirtu tal-gideb fuq fomm dawn il-profeti
tiegħek u l-Mulej qatagħha li jibgħatlek id-deni."

23U resaq Sedekija bin Kengħana u ta daqqa ta' ħarta lil Mikaja u qallu: "Kif inhi
din li l-ispirtu tal-Mulej għadda mingħandi biex ikellem lilek?"

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

24U Mikaja wieġbu: "Għad tarah int stess dakinhar li tibda tiġri minn kamra għal
oħra tfittex tistaħba."

25U s-sultan ta' Iżrael ordna: "Aqbdu lil Mikaja u ħuduh għand Amon, il-prinċep
tal-belt, u għand Ġowas bin is-sultan.

26U għidilhom: 'Dan jordna s-sultan: ixħtu lil dan fil-ħabs u titimgħuh bi ftit ħobż
u ilma sakemm nerġa' lura bis-sliem.' "

27U Mikaja qallu: "Jekk int terġa' lura bis-sliema, ma jkunx tkellem il-Mulej bija."
U ssokta: "Isimgħu, ġnus, ilkoll kemm intom."

### It-telfa u l-mewt ta' Aħab

28U s-sultan ta' Iżrael u Ġosafat, sultan ta' Ġuda, telgħu għal Ramot-gilgħad.

29U s-sultan ta' Iżrael qal lil Ġosafat: "Se nbiddel ħwejġi qabel ma niġi għall-
battalja, iżda inti tibqa' bi ħwejġek." U s-sultan ta' Iżrael biddel ħwejġu, u marru
għall-battalja.

30U s-sultan ta' Aram ordna lill-fizzjali tal-karrijiet tiegħu u qalilhom: "Titqabdux
maż-żgħir u l-kbir, imma fittxu lis-sultan ta' Iżrael biss."

31U ġara li malli l-fizzjali lemħu lil Ġosafat qalu: "Dak hu s-sultan ta' Iżrael." U
daru biex jaħbtu għalih: imma Ġosafat beda jgħajjat, u l-Mulej għenu, u Alla
begħedhom minnu.

32Xħin il-fizzjali tal-karrijiet raw li ma kienx is-sultan ta' Iżrael, reġgħu lura
minnu.

33U wieħed ġibed il-qaws bl-addoċċ, u laqat is-sultan ta' Iżrael bejn il-malji u l-
kurazza. U mbagħad is-sultan qal lis-sewwieq tal-karru: "Dawwar idek, u
oħroġni barra mill-kamp, għax qiegħed inħossni ħażin."

34U dakinhar il-battalja ħraxet, u s-sultan ta' Iżrael kien wieqaf fuq il-karru
biswit Aram il-jum kollu, u miet hi u nieżla x-xemx.

## 2 Kronaki 19

### Ir-riforma ta' Ġosafat

1Ġosafat, sultan ta' Ġuda, raġa' lura bis-sliem lejn daru f'Ġerusalemm.

2U ħareġ jilqgħu Ġeħu bin Hanani l-veġġent, u qal lis-sultan Ġosafat: "Kellek int
tgħin lill-ħażin u tħobb lil min jobgħod il-Mulej? Minħabba f'hekk waqa' fuqek l-
għadab minn quddiem il-Mulej.

3Imma fik instabu wkoll ħwejjeġ tajba, għaliex int neħħejt ix-xbihat tal-Asera
mill-pajjiż, u dawwart 'il qalbek biex tfittex 'l Alla."


© 2020 Malta Bible Society.

4U għammar Ġosafat f'Ġerusalemm, u raġa' beda dieħel u ħiereġ fost il-poplu minn Birsaba sal-muntanji ta' Efrajm u reġġagħhom lura għal għand il-Mulej, Alla ta' missirijiethom.

5U qiegħed imħallfin fil-pajjiż fl-ibliet kollha ffortifikati ta' Ġuda, belt belt.

6U Ġosafat qal lill-imħallfin: "Araw xi tkunu tagħmlu, għax m'intomx tiġġudikaw f'isem il-bnedmin, imma f'isem il-Mulej, u hu jkun magħkom meta tiġġudikaw.

7Ħa jkun il-biża' tal-Mulej fuqkom. Qisu x'tagħmlu, għax fil-Mulej, Alla tagħna, ma hemmx qerq; la jħares lejn l-uċuħ u lanqas jilqa' r-rigali."

8F'Ġerusalemm ukoll Ġosafat qiegħed xi wħud mil-Leviti u l-qassisin u l-kapijiet tal-familji ta' Iżrael għall-ġudizzju tal-Mulej, u għat-tilwim bejn in-nies li jgħammru f'Ġerusalemm.

9U hu ordnalhom u qalilhom: "Hekk għandkom tagħmlu bil-biża' tal-Mulej, u bil-fedeltà u b'qalb sħiħa.

10F'kull tilwima li tiġi quddiemkom minn fost ħutkom li jgħammru fi bliethom, fuq tixrid ta' demm, liġi, kmandamenti, preċetti jew digrieti, wissuhom biex ma jkunux ħatja quddiem il-Mulej, u ma jaqax l-għadab fuqkom u fuq ħutkom. Agħmlu dan u ma tidinbux.

11U, araw, hemm Amarija, il-qassis il-kbir, fuqkom f'dak kollu li għandu x'jaqsam mal-Mulej, u Żebadija bin Ismagħel, prinċep tad-dar ta' Ġuda, għal kulma għandu x'jaqsam mas-sultan; il-Leviti jkunu għas-servizz tagħkom. Agħmlu l-qalb u aħdmu. Ikun il-Mulej mat-tajjeb."

## 2 Kronaki 20

### It-talba ta' Ġosafat

1Wara dawn il-ġrajja ġew għal Ġosafat biex jitqabdu miegħu wlied Mowab u wlied Għammon flimkien ma' xi wħud mill-Megħunin.

2U ġew xi messaġġiera u qalu lil Ġosafat: "Ġejja għal fuqek kotra kbira min-naħa l-oħra tal-baħar, minn Edom, u qegħdin f'Ħasson-tamar, li hi Għajn-geddi."

3U Ġosafat baża' u dawwar wiċċu biex jitlob il-Mulej, u nieda sawma għal Ġuda kollu.

4U Ġuda kollu nġama' biex jitolbu l-Mulej; mill-bliet kollha ta' Ġuda ġew jitolbu l-Mulej.

5Ġosafat waqaf f'nofs il-ġemgħa kollha ta' Ġuda u Ġerusalemm, fid-dar tal-Mulej, quddiem il-bitħa l-ġdida,

6u qal: "Mulej, Alla ta' missirijietna, mhux int Alla fis-sema? Mhux int taħkem fuq is-saltniet kollha tal-ġnus? F'idejk il-qawwa u s-setgħa, u ħadd ma jista' jiqaflek.


© 2020 Malta Bible Society.

7 Mhux int, o Alla tagħna, keċċejt in-nies li kienu jgħammru f'din l-art minn
quddiem il-poplu tiegħek Iżrael, u tajtha għal dejjem lil nisel Abraham ħabibek?

8 Huma għammru fiha, u bnewlek fiha tempju lil ismek, u qalu:

9 'Jekk tiġi fuqna l-ħsara, is-sejf, il-ħaqq, il-pesta, jew il-ġuħ, aħna niġu u nieqfu
quddiem din id-dar, quddiemek, għax ismek hu f'din id-dar; u nsejħulek fl-hemm
tagħna, u int tismagħna u ssalvana.'

10 U issa, ara wlied Għammon u Mowab u n-nies tal-muntanji ta' Xegħir, l-artijiet
li int ma ħallejtx lil Iżrael jidħol fihom meta ħarġu mill-Eġittu - għax huma daru
magħhom u ma qerduhomx.

11 Ara issa kif qegħdin iħallsuna, billi jiġu u jaqilgħuna mill-art tiegħek li int tajtna
b'wirt.

12 Alla tagħna, ma tagħmilx int ħaqq minnhom? Għax aħna ma għandniex saħħa
quddiem din il-kotra hekk kbira li ġejja kontra tagħna, u aħna ma nafux
x'għandna nagħmlu; imma għajnejna huma fik!"

13 Ġuda kollu kienu weqfin quddiem il-Mulej bit-trabi tagħhom, u n-nisa
tagħhom, u wliedhom.

### Il-profezija ta' Ġaħsijel

14 U l-ispirtu tal-Mulej ġie fuq Ġaħsijel bin Żakkarija, bin Benajja, bin Ġegħijel, bin
Mattanija, Levita minn ulied Asaf, f'nofs il-ġemgħa kollha,

15 u qal: "Isimgħuni, intom nies ilkoll ta' Ġuda, intom li tgħammru f'Ġerusalemm,
u int, o sultan Ġosafat! Dan jgħid il-Mulej: Tibżgħux! Titwerwrux quddiem din il-
kotra kollha, għaliex it-taqbida mhijiex tagħkom, imma ta' Alla.

16 Għada inżlu għalihom; ara, huma jitilgħu mit-telgħa ta' Sis; issibuhom f'tarf il-
wied, biswit id-deżert ta' Ġerwel.

17 Intom ma tiġġildux f'din il-battalja; oqogħdu f'postkom, tiċċaqilqux, u taraw ir-
rebħa tal-Mulej għalikom, o Ġuda u Ġerusalemm. Tibżgħux, titwerwrux; għada
oħorġu għalihom, u l-Mulej ikun magħkom."

18 U Ġosafat niżel wiċċu fl-art; u Ġuda kollu, u dawk kollha li jgħammru
f'Ġerusalemm inxteħtu quddiem il-Mulej biex jadurawh.

19 U l-Leviti minn ulied Keħat u minn ulied Koraħ qamu jfaħħru l-Mulej, Alla ta'
Iżrael, b'leħen qawwi u għoli.

20 U filgħodu bakkru u ħarġu lejn id-deżert ta' Tekugħa; u huma u sejrin, Ġosafat
waqaf u qal: "Isimgħuni, intom nies ta' Ġuda, intom li tgħammru f'Ġerusalemm!
Emmnu fil-Mulej, Alla tagħkom, u titwettqu; emmnu fil-profeti tiegħu u tirbħu."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

21Imbagħad, wara li ftiehem mal-poplu, għażel lil dawk li kellhom jgħannu u jfaħħru lill-Mulej, libsin ilbies sagru, u mixjin quddiem l-eżerċtu jgħidu: "Faħħru lill-Mulej, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu."

22U meta bdew jgħannu u jfaħħru lil Alla, il-Mulej qiegħed nasba għal ulied Għammon u Mowab u għal dawk li jgħammru fuq il-muntanja ta' Xegħir, li ġew għal Ġuda; u sfaw mirbuħa.

23Għaliex in-nies ta' Għammon u ta' Mowab qamu għan-nies li jgħammru fuq il-muntanja ta' Xegħir, u qerduhom għalkollox. Wara li qerdu lin-nies ta' Xegħir, għenu lil xulxin biex jeqirdu wieħed lil ieħor.

24Xħin Ġuda waslu l-għolja li tħares fuq id-deżert, ħarsu lejn il-kotra, u rawhom mejtin fl-art: ħadd minnhom ma kien ħeles.

25U Ġosafat ġie bin-nies tiegħu biex jiġbru l-priża minn fuqhom u sabu kotra ta' bhejjem, u ġid, u lbies, u oġġetti oħra prezzjużi, u tant ħadu minnhom li ma setgħux iġorruhom. Damu tlitt ijiem sħaħ iġorru, tant kienet kbira l-priża.

26Fir-raba' jum inġabru Wied Berakah - għax hemm bierku l-Mulej; għalhekk dak il-post isejħulu: Wied Berakah.

27Imbagħad reġgħu lura n-nies kollha ta' Ġuda u Ġerusalemm, bis-sultan Ġosafat quddiemhom, lejn Ġerusalemm kollha ferħana, għax il-Mulej ferraħhom bir-rebħa fuq l-għedewwa tagħhom.

28U daħlu Ġerusalemm u fid-dar tal-Mulej bid-daqq tal-arpi, iċ-ċetri u t-trombi.

29U l-biża' ta' Alla waqa' fuq is-saltniet kollha tal-art, meta semgħu kif il-Mulej tqabad mal-għedewwa ta' Iżrael.

30U s-saltna ta' Ġosafat sabet il-kwiet għaliex Alla tiegħu tah il-mistrieħ minn kull naħa.

### Il-mewt ta' Ġosafat

31U Ġosafat saltan fuq Ġuda; ħamsa u tletin sena kellu meta beda jsaltan, u saltan ħamsa u għoxrin sena f'Ġerusalemm; ommu kien jisimha Għażuba bint Silħi.

32U mexa fit-triq ta' missieru Asa bla ma tbiegħed xejn minnha, u għamel dak li jogħġob lill-Mulej.

33Imma ma qeridx is-santwarji u l-poplu kien għadu ma dawwarx qalbu lejn Alla ta' missirijiethom.

34U l-bqija tal-ġrajja ta' Ġosafat, mill-bidu sal-aħħar, huma miktuba fil-Ktieb tal-Ġrajja ta' Ġeħu bin Hanani, u mdaħħlin fi Ktieb is-Slaten ta' Iżrael.

35Wara dawn il-ġrajja Ġosafat, sultan ta' Ġuda, issieħeb ma' Aħażija, sultan ta' Iżrael, li kien qiegħed jagħmel il-ħażin.


© 2020 Malta Bible Society.

36Issieħeb miegħu biex jibnu iġfna li jmorru Tarsis, u bnew iġfna f'Għesjon-geber.

37Imma Eligħeżer bin Dodawa, minn Maresa, beda jħabbar kontra Ġosafat u jgħid: "Talli int isseħibt ma' Aħażija, qered il-Mulej kulma għamilt." U l-iġfna tkissru u ma setgħux imorru Tarsis.

## 2 Kronaki 21

1U Ġosafat strieħ ma' missirijietu, u difnuh ma' missirijietu fil-belt ta' David, u daħal isaltan floku Ġeħoram, ibnu.

### Is-saltna ta' Ġeħoram

2Ġeħoram kellu ħutu, ulied Ġosafat: Għażarija, Ġeħijel, Żakkarija, Għażrijaħu, Mikiel u Sefatija. Dawn kollha wlied Ġosafat, sultan ta' Iżrael.

3Missierhom kien tahom ħafna rigali, fidda, u deheb, u ħwejjeġ prezzjużi, u bliet iffortifikati f'Ġuda, imma s-saltna taha lil Ġeħoram, għax kien il-kbir.

4Meta Ġeħoram ħa s-saltna ta' missieru u ssaħħaħ sewwa, qatel lil ħutu kollha bix-xabla u lil xi wħud mill-prinċpijiet ta' Iżrael ukoll.

5Kellu tnejn u tletin sena meta Ġeħoram laħaq sultan, u saltan għal tmien snin f'Ġerusalemm.

6U qabad l-istess triq tas-slaten ta' Iżrael bħalma kienu għamlu dawk tad-dar ta' Aħab; għax kellu b'martu lil bint Aħab; u għamel il-ħażin f'għajnejn il-Mulej.

7Imma l-Mulej ma riedx jeqred id-dar ta' David minħabba l-patt li kien għamel ma' David, u billi kien wiegħdu li jħallilu xrara għal dejjem, lilu u lil uliedu.

8Fi żmienu l-Edumin qamu kontra l-ħakma ta' Ġuda, u għamlu sultan għalihom.

9U Ġeħoram telaq bil-kmandanti u l-karrijiet kollha miegħu; u qam billejl u kisser lil Edom, li kienu dawru lilu u l-kmandanti bil-karrijiet.

10Imma Edom ħeles minn idejn Ġuda sal-lum. Imbagħad f'dak iż-żmien stess ħelset Libna wkoll minn taħt idejh, għax kien telaq lill-Mulej, Alla ta' missirijietu.

11Saħansitra bena s-santwarji fuq l-għoljiet ta' Ġuda, u waqqa' fiż-żina lin-nies ta' Ġerusalemm, u xeħet lil Ġuda fid-dnub.

### Elija jħabbar il-pesta

12U waslitlu ittra mingħand Elija, il-profeta, fejn qallu: "Dan jgħid il-Mulej, Alla ta' David missierek: 'Talli int ma mxejtx fit-triqat ta' Ġosafat missierek, u fi triqat Asa, sultan ta' Ġuda,


© 2020 Malta Bible Society.

13imma mxejt fit-triqat tas-slaten ta’ Iżrael, u waqqajt fiż-żina lil Ġuda u n-nies
ta’ Ġerusalemm, bħalma waqqgħethom fiż-żina d-dar ta’ Aħab, u qtilt ukoll lil
ħutek, id-dar ta’ missierek, li kienu aħjar minnek,

14ara, il-Mulej issa se jolqot bi flaġell kbir sewwa l-poplu tiegħek, ’l uliedek u n-
nisa tiegħek, u kulma għandek.

15U int tirkbek marda qalila, marda f’imsarnek sakemm joħorġu barra msarnek
minħabba l-marda minn jum għal ieħor.’ ”

16U l-Mulej qajjem kontra Ġeħoram il-korla tal-Filistin u tal-Għarab li jgħammru
ħdejn il-Kusin,

17u telgħu kontra Ġuda, daħlu ġo fih u ħatfu l-ġid kollu li sabu f’dar is-sultan, u ’l
uliedu u n-nisa tiegħu, u ma baqagħlu ebda tifel ħlief Ġeħowaħaż, l-iżgħar fost
uliedu.

18Wara dan kollu l-Mulej bagħatlu marda bla fejqan f’imsarnu.

19U ġara li jum wara ieħor, meta kienu għoddhom għaddew sentejn, ħarġulu
msarnu barra minħabba l-marda li kellu, u miet b’uġigħ qalil. U l-poplu
m’għamillux ħuġġieġa bħalma għamel ma’ missirijietu.

20Kellu tnejn u tletin sena meta beda jsaltan, u għal tmien snin saltan
f’Ġerusalemm. U mar bla ma tħassruh, u difnuh fil-belt ta’ David, iżda mhux fl-
oqbra tas-slaten.

## 2 Kronaki 22

### Aħażija sultan ta’ Ġuda

1U n-nies ta’ Ġerusalemm għamlu sultan floku lil Aħażija, ibnu ż-żgħir, għax l-
oħrajn ta’ qablu kollha qatlithom il-ġgajta li kienet daħlet mal-Għarab fil-kamp.
U Aħażija bin Ġeħoram sar sultan ta’ Ġuda.

2Kellu tnejn u erbgħin sena Aħażija meta beda jsaltan, u saltan għal sena
f’Ġerusalemm. Ommu kien jisimha Għatalija bint Għomri.

3U hu wkoll qabad it-triq ta’ dar Aħab, għax ommu kienet tagħtih pariri ħżiena.

4U għamel il-ħażin f’għajnejn il-Mulej bħad-dar ta’ Aħab, għax wara l-mewt ta’
missieru, kienu huma li kienu l-kunsillieri tiegħu għall-qerda tiegħu.

5Kien ukoll fuq il-parir tagħhom li qabad, u mar ma’ Ġeħoram bin Aħab, sultan
ta’ Iżrael, biex jitqabad ma’ Ħażajel, sultan ta’ Aram f’Ramot-gilgħad. Imma ’l
Ġoram darbuh l-Aramin.

6U hu raġa’ lura f’Ġeżragħel biex jiddewwa mill-ġrieħi li għamlulu f’Rama hu u
jitqabad kontra Ħażajel, sultan ta’ Aram. U Aħażija bin Ġeħoram, sultan ta’ Ġuda,
niżel jara lil Ġoram bin Aħab f’Ġeżragħel, għax kien marid.


© 2020 Malta Bible Society.

### Ġeħu joqtol lil Aħażija

[7]Minn Alla kien ġej li Aħażija mar jara lil Ġoram, u hemm sab il-qerda tiegħu.
Malli wasal ħareġ ma' Ġeħoram kontra Ġeħu bin Nimsi, li l-Mulej kien
ikkonsagrah biex ikisser id-dar ta' Aħab;

[8]u ġara li wara li Ġeħu kien għamel il-kontijiet mad-dar ta' Aħab, sab il-
prinċpijiet ta' Ġuda u wlied ħut Aħażija, li kienu jservu lil Aħażija, u qatilhom.

[9]Imbagħad beda jfittex lil Aħażija u sabu f'Samarija, fejn kien moħbi; u ġabuh
quddiem Ġeħu, u qatluh, u difnuh, għax, qalu, dan hu bin Ġosafat, li kien ifittex
il-Mulej b'qalbu kollha. U ma kien fadal ħadd mid-dar ta' Aħażija li seta' jżomm
is-saltna sħiħa.

### Il-qerda tal-familja rjali

[10]U Għatalija, omm Aħażija, malli rat li miet binha, qamet u qerdet in-nisel kollu
tas-saltna tad-dar ta' Ġuda.

[11]Imma Ġeħosabat bint is-sultan ħadet lil Ġowas bin Aħażija, ħatfitu minn nofs
ulied is-sultan, li kienu lesti għall-mewt, u qegħditu flimkien mal-imraddgħa
tiegħu fil-kmamar tas-sodod. Hekk ħbietu Ġeħosabat, bint is-sultan Ġeħoram,
mart il-qassis il-kbir Ġeħojada, li kienet oħt Aħażija, minn quddiem għajnejn
Għatalija; u hekk din ma qatlitux.

[12]U dam magħhom moħbi fid-dar ta' Alla għal sitt snin, filwaqt li Għatalija kienet
issaltan fuq il-pajjiż.

## 2 Kronaki 23

### Ir-rewwixta

[1]Fis-seba' sena, Ġeħojada għamel il-qalb u bagħat iġib kapijiet tal-mija: Għażarija
bin Ġeroħam, Ismagħel bin Ġeħoħanan, Għażarija bin Għobed, Magħxija bin
Għadajja, u Elisafat bin Żikri, u daħal f'patt magħhom.

[2]Daru ma' Ġuda kollu u ġabru l-Leviti mill-ibliet kollha ta' Ġuda, u l-kapijiet tal-
familji ta' Iżrael, u ġew Ġerusalemm.

[3]U l-ġemgħa kollha ntrabtet b'patt mas-sultan f'dar Alla u qalilhom Ġeħojada:
"Hawn hu bin is-sultan! Ha jsaltan bħalma qal il-Mulej dwar ulied David.

[4]Dan li għandkom tagħmlu. Terz minnkom li tkunu għassa s-Sibt, qassisin u
Leviti, oqogħdu ħdejn l-għetiebi tal-bibien;

[5]terz ieħor ħdejn il-palazz tas-sultan, u t-terz l-ieħor f'bieb Sur. U l-poplu kollu
fil-bitħa ta' dar il-Mulej.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

6U ħadd ma jidħol f'dar il-Mulej, ħlief il-qassisin u l-Leviti li jkunu fis-servizz;
jidħlu huma biss għax huma kkonsagrati. U l-poplu kollu għandu jħares l-
ordnijiet tal-Mulej.

7U l-Leviti jduru madwar is-sultan dawramejt, kulħadd bl-armi f'idu; u kull min
jipprova jidħol fid-dar oqtluh. Ibqgħu mas-sultan, jidħol jew joħroġ."

8U l-Leviti u l-poplu kollu ta' Ġuda għamlu kulma ordnalhom Ġeħojada, il-qassis,
u kull wieħed ħa n-nies tiegħu - sew dawk li kienu deħlin is-Sibt sew dawk li
kienu ħerġin is-Sibt, għax Ġeħojada, il-qassis, ma ħalla ebda taqsima toħroġ.

9U Ġeħojada, il-qassis, ta lill-kapijiet tal-mija l-lanez, it-tarkiet il-kbar u t-tarkiet
iż-żgħar tas-sultan David, li kien hemm fid-dar ta' Alla.

10Imbagħad qassam il-poplu kollu, kull wieħed bl-armi f'idu, min-naħa ta'
Nofsinhar tat-tempju għan-naħa tat-Tramuntana, kollha jħarsu lejn l-artal u t-
tempju madwar is-sultan.

11Imbagħad ħarġu 'l bin is-sultan, u xeddewlu l-kuruna u tawh il-proklama u
hekk għamluh sultan; u dilkuh Ġeħojada u wliedu, u bdew jgħajtu: "Viva s-
Sultan".

## Il-qtil ta' Għatalija

12U Għatalija, malli semgħet l-għajta tal-poplu jiġri u jfaħħar lis-sultan, marret
għal fuq il-folla f'dar il-Mulej.

13U ħarset, u hemm kien is-sultan wieqaf fuq tribuna ħdejn id-dħul; u maġenb
is-sultan il-prinċpijiet, u t-trumbettieri u l-poplu kollu tal-pajjiż kien ferħan u
jdoqq it-trumbetti, filwaqt li l-kantanti bl-istrumenti tagħhom imexxu l-kant ta'
tifħir. U Għatalija ċarrtet ħwejjiġha u bdiet tgħajjat: "Tradiment, Tradiment".

14U Ġeħojada l-qassis ħareġ il-kapijiet tal-mija u l-fizzjali tal-eżerċtu u qalilhom:
"Oħorġuha 'l barra mill-palazz bejn żewġ fillieri, u kull min imur warajha, agħtuh
il-mewt bix-xabla." Għax il-qassis kien qal: "La toqtluhiex f'dar il-Mulej."

15U kif waslet fid-daħla taż-żwiemel għal ġewwa l-palazz tas-sultan, meddew
idejhom fuqha u qatluha hemmhekk.

16U għamel Ġeħojada patt bejnu u bejn il-poplu kollu, u bejn is-sultan, li jkunu l-
poplu tal-Mulej.

17U l-poplu kollu mar fit-tempju ta' Bagħal, u ġarrfuh u farrku għalkollox l-artali
u x-xbihat tiegħu; u 'l Mattan, qassis ta' Bagħal, qatluh quddiem l-artali.

18U Ġeħojada, il-qassis, ħalla s-servizzi tat-tempju tal-Mulej f'idejn il-qassisin u
l-Leviti, li David kien qassam fit-tempju tal-Mulej, biex joffru s-sagrifiċċji tal-
ħruq lill-Mulej - kif inhu miktub fil-Liġi ta' Mosè - b'kant ferrieħi skont l-ordnijiet
ta' David.


© 2020 Malta Bible Society.

19 Qiegħed ukoll purtinara fil-bibien tat-tempju tal-Mulej biex ebda ħaġa mniġġsa ma tidħol.

20 Imbagħad ħa l-kapijiet tal-mija u l-kbarat u n-nies li kellhom xi setgħa fuq il-poplu, u l-poplu kollu tal-pajjiż, u niżżlu s-sultan mit-tempju tal-Mulej; u għaddewh mill-Bieb il-Kbir għall-palazz tas-sultan, u qegħduh fuq it-tron tas-saltna.

21 Feraħ il-poplu kollu tal-pajjiż, u l-belt strieħet, u lil Għatalija qatluha bix-xabla.

## 2 Kronaki 24

### Is-saltna ta' Ġowas

1 Seba' snin kellu Ġowas meta sar sultan, u dam erbgħin sena jsaltan f'Ġerusalemm, u ommu kien jisimha Sibja minn Birsaba.

2 U Ġowas għamel is-sewwa f'għajnejn il-Mulej sakemm dam ħaj Ġeħojada, il-qassis.

3 U Ġeħojada sablu żewġ nisa, u kellu subien u bniet.

### It-tiġdid tat-tempju

4 Wara dan Ġowas ġieh f'moħħu li jirrestawra t-tempju tal-Mulej,

5 u ġabar il-qassisin u l-Leviti u qalilhom: "Oħorġu fl-ibliet ta' Ġuda u iġbru l-flus mingħand Iżrael kollu biex insewwu t-tempju ta' Alla tagħkom minn sena għal sena, u qisu li tgħaġġlu f'din il-ħaġa." Imma l-Leviti ma għaġġlu xejn.

6 Għalhekk is-sultan sejjaħ lil Ġeħojada, il-kap, u qallu: "Għaliex ma ħadtx ħsieb li l-Leviti jġibu minn Ġuda u minn Ġerusalemm it-taxxa ordnata minn Mosè, il-qaddej tal-Mulej, lill-ġemgħa ta' Iżrael għat-tinda tax-xhieda miktuba?"

7 Għax Għatalija, il-mara l-ħażina, u wliedha għamlu l-ħsara fit-tempju ta' Alla, u saħansitra nqdew bl-offerti mqaddsa għas-servizz tal-Bagħlim.

8 Imbagħad ordnalhom is-sultan u għamlu senduq u qegħduh barra ħdejn il-bieb tat-tempju.

9 U għamlu sejħa f'Ġuda u f'Ġerusalemm biex iġibu lill-Mulej it-taxxa li Mosè, il-qaddej ta' Alla, kien ordna lil Iżrael fid-deżert.

10 U ferħu l-prinċpijiet kollha u l-poplu kollu, u ġiebu l-flus u xeħtuhom fis-senduq sakemm imtela.

11 Meta mbagħad kienu jieħdu s-senduq għand l-uffiċjali tas-sultan permezz tal-Leviti, u meta kienu jaraw li kien hemm ħafna flus, kien jiġi s-segretarju tas-sultan u l-ispettur tal-qassis kap, u jbattlu s-senduq u jerġgħu jqegħduh f'postu. U hekk kienu jagħmlu minn jum għal ieħor. U ġabru ħafna flus.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

12 U s-sultan u Ġeħojada tawhom lin-nies tas-sengħa li kellhom f'idejhom ix-xogħol tat-tempju tal-Mulej. U huma qabbdu bennejja u mastrudaxxi biex isewwu t-tempju tal-Mulej, u nies imħarrġa fix-xogħol tal-ħadid u l-bronż, biex isaħħu dar il-Mulej.

13 U l-ħaddiema ħadmu, u x-xogħol tat-tiswija tala' f'idejhom, u waqqfu mill-ġdid it-tempju ta' Alla kif kellu jkun u ssudawh.

14 U meta temmew ix-xogħol, ġiebu quddiem is-sultan u Ġeħojada l-flus li kien fadal, u bihom għamlu tagħmir għat-tempju tal-Mulej, tagħmir għas-servizz u għas-sagrifiċċji tal-ħruq, u bwieqi għall-inċens, u oġġetti oħra tad-deheb u l-fidda. U kienu joffru dejjem sagrifiċċji fit-tempju tal-Mulej, sakemm baqa' ħaj Ġeħojada.

15 Ġeħojada xjieħ u mtela bl-għomor, u miet; kellu mija u tletin sena meta miet.

16 U difnuh fil-belt ta' David mas-slaten, għax għamel is-sewwa f'Iżrael ma' Alla u t-tempju tiegħu.

17 Meta miet Ġeħojada l-prinċpijiet ta' Ġuda marru jsellmu lis-sultan b'wiċċhom fl-art, u mbagħad is-sultan tahom widen.

18 Huma ħallew it-tempju tal-Mulej, Alla ta' missirijiethom, u marru jaqdu x-xbihat tal-Asera u l-idoli. U l-korla tal-Mulej xegħlet kontra Ġuda u Ġerusalemm minħabba din il-ħtija tagħhom.

19 Hu bagħat profeti biex ireġġgħuhom lura għand il-Mulej; dawn widdbuhom, iżda huma ma tawx widen.

20 Imbagħad l-ispirtu ta' Alla mela ruħ Żakkarija, bin il-qassis Ġeħojada, u qam f'nofs il-poplu u kellimhom hekk: "Dan jgħid Alla: 'Għala qegħdin tiksru l-kmandamenti tal-Mulej? Għalhekk ma tistgħux issibu riżq. Intom tlaqtu lill-Mulej, u hu telaq lilkom.' "

21 Iżda huma ftiehmu bejniethom, u bl-ordni tas-sultan ħaġġruh fil-bitħa tat-tempju tal-Mulej.

22 Is-sultan Ġowas nesa l-ġid li Ġeħojada, missier Żakkarija, kien għamel miegħu, qatillu lil ibnu li, hu u jmut, qal: "Ha jara l-Mulej, u jitlob il-kont hu."

### Il-mewt ta' Ġowas

23 Ġara li f'għeluq is-sena, l-eżerċtu ta' Aram tala' għal Ġowas, daħlu f'Ġuda u f'Ġerusalemm, u qerdu mill-poplu l-prinċpijiet kollha tiegħu, u bagħtu l-priża tagħhom kollha lis-sultan f'Damasku.

24 Għad li l-eżerċtu ta' Aram ġie bi ftit nies, il-Mulej telaq f'idejhom l-eżerċtu kbir ħafna, għaliex kienu telqu l-Mulej, Alla ta' missirijiethom. B'hekk għamlu ħaqq minn Ġowas.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

25 U wara li telqu minn ħdejh u ħallewh midrub sewwa, il-qaddejja tiegħu għamlu konfoffa kontrih biex jitħallsu minnu talli kien xerred demm bin Ġeħojada, il-qassis; u qatluh f'soddtu u hekk miet. U difnuh fil-belt ta' David, imma mhux fl-oqbra tas-slaten.

26 Dawk li kienu kkonfoffaw kontrih kienu: Żabad bin Simgħat, l-Għammonija; u Ġeħożabad bin Simrit, il-Mowabija.

27 Dwar uliedu, l-orakli kontra tiegħu u t-tiġdid tat-tempju ta' Alla, kollox hu miktub fit-tagħlim tal-Ktieb tas-Slaten. U Amasija, ibnu, beda jsaltan floku.

## 2 Kronaki 25

### Is-saltna ta' Amasija

1 Amasija kellu ħamsa u għoxrin sena meta beda jsaltan; u saltan f'Ġerusalemm għal disgħa u għoxrin sena u ommu kien jisimha Ġeħogħaddan minn Ġerusalemm.

2 U għamel is-sewwa f'għajnejn il-Mulej, imma mhux b'qalbu kollha.

3 Ġara li, malli saħħaħ is-saltna f'idejh, qatel il-qaddejja tiegħu li kienu qatlu lis-sultan missieru;

4 imma lil uliedhom ma qatilhomx, skont ma hemm miktub fil-liġi fil-Ktieb ta' Mosè fejn il-Mulej ordna u qal: "Ma jmutux il-missirijiet għall-ulied, u l-ulied ma jmutux għall-missirijiet, imma kulħadd imut għal dnubu."

### Il-gwerra kontra Edom

5 U Amasija ġabar 'il Ġuda, u qassamhom skont id-djar ta' missirijiethom, bil-fizzjali tal-eluf u l-kapijiet tal-mijiet għal Ġuda u Benjamin kollha; u għaddhom ilkoll minn għoxrin sena 'l fuq, u sab li kien hemm tliet mitt elf ruħ magħżula, tajbin għall-gwerra, li kellhom il-ħila jużaw il-lanza u t-tarka.

6 U qabbad mitt elf gwerrier qalbieni minn Iżrael b'mitt talent tal-fidda.

7 U ġie għandu bniedem ta' Alla u qallu: "O Sultan, tħallix jiġi miegħek l-eżerċtu ta' Iżrael għax il-Mulej mhuwiex ma' Iżrael, ilkoll ulied Efrajm.

8 Imma jekk inti tmur, agħmel il-ħila u tqabad waħdek, inkella Alla jixħtek fl-art quddiem l-għedewwa tiegħek, għax Alla għandu l-ħila li jgħin jew ifixkel."

9 U Amasija wieġeb lill-bniedem ta' Alla: "U x'nagħmel għall-mitt talent li tajt għall-eżerċtu ta' Iżrael?" U l-bniedem ta' Alla wieġbu: "Il-Mulej jista' jagħtik ħafna aktar minn dan."

10 Imbagħad Amasija bagħat lura l-eżerċtu li kien ġie għandu minn Efrajm. U xegħlu bl-għadab għal Ġuda, u marru lura f'pajjiżhom b'dagħdigħa u saħna fuqhom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

11U Amasija għamel il-qalb, u ħareġ bin-nies tiegħu, u telaq lejn Wied il-Melħ, u darab għaxart elef minn ulied Xegħir.

12U wlied Ġuda qabdu għaxart elef oħra ħajjin, u ħaduhom fuq il-quċċata ta' blata, u waddbuhom għal isfel minn fuq il-quċċata tal-blata, u tfarrku lkoll.

13U n-nies tal-eżerċtu, li Amasija kien bagħat lura biex ma jmorrux miegħu għall-gwerra, inxteħtu għal fuq l-ibliet ta' Ġuda mis-Samarija sa Betħoron, u qatlu tlitt elef ruħ, u qabdu priża kbira.

14Ġara li wara li Amasija kien ġie lura mill-qerda tal-Edumin, ġieb l-allat ta' wlied Xegħir u għamilhom allat tiegħu, u beda jadurahom u jaħraq l-inċens quddiemhom.

15U l-Mulej xegħel bil-korla għal Amasija, u bagħatlu profeta u qallu: "Għaliex fittixt l-allat tal-poplu li ma rnexxilhomx jeħilsu l-poplu tagħhom minn idejk?"

16Hu u jitkellem, Amasija qallu: "Jaqaw għamilniek kunsillier tas-sultan? Biżżejjed! Għax tridhom joqtluk?" U l-profeta ma tkellimx aktar, imma qallu: "Naf li Alla għamel il-ħsieb li jeqirdek għax għamilt dan, u ma smajtx mill-parir tiegħi."

### Gwerra bejn Ġuda u Iżrael

17Imbagħad Amasija, sultan ta' Ġuda, ħa parir u bagħat jgħid lil Ġowas bin Ġeħowaħaż, bin Ġeħu, sultan ta' Iżrael: "Ejja ħa niltaqgħu wiċċ imb wiċċ."

18U Ġowas, is-sultan ta' Iżrael, bagħat jgħid lil Amasija, sultan ta' Ġuda, u qallu: "Il-ħorfox tal-Libanu bagħat jgħid liċ-ċedru li hemm fil-Libanu u qallu: 'Agħtini 'l bintek għal ibni b'martu.' Imma għaddew il-bhejjem selvaġġi li hemm fil-Libanu u għaffġu l-ħorfox.

19Int għedt: 'Ara, jien kissirt lil Edom,' u qalbek tkabbret bil-glorja! Issa oqgħod f'darek. Għaliex tistieden il-gwaj biex titlef, int u Ġuda miegħek?"

20Imma Amasija ma semax; għax minn Alla kien ġej li jagħtihomlu f'idejh, għax kienu fittxew lill-allat ta' Edom.

21U Ġowas, sultan ta' Iżrael, tala' u ltaqgħu wiċċ imb wiċċ, hu u Amasija, sultan ta' Ġuda, f'Betxemex li hemm f'Ġuda.

22U Ġuda tħarbat quddiem Iżrael, u ħarbu, kulħadd lejn l-għarix tiegħu.

23U Ġowas, sultan ta' Iżrael, qabad f'idejh lil Amasija, sultan ta' Ġuda, bin Ġowas, bin Aħażija, f'Betxemex u ġiebu f'Ġerusalemm. Hemm fetaħ tiċrita ta' erba' mitt driegħ fil-ħajt ta' Ġerusalemm minn bieb Efrajm sal-bieb tal-kantuniera.

24U ħa d-deheb kollu, u l-fidda, u t-tagħmir kollu li kien jinsab fit-tempju ta' Alla, li kienu għand Għobededom, u t-teżori tal-palazz tas-sultan flimkien ma' xi rġiel b'rahan, u raġa' lura lejn Samarija.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

25 U Amasija bin Ġowas, sultan ta’ Ġuda, għex ħmistax-il sena wara l-mewt ta’ Ġowas bin Ġeħowaħaż, sultan ta’ Iżrael.

26 U l-bqija tal-ġrajja ta’ Amasija, mill-bidu sal-aħħar, jinsabu miktuba fi Ktieb is-Slaten ta’ Ġuda u Iżrael.

27 U mindu warrab Amasija minn wara l-Mulej, għamlu konfoffa kontra tiegħu f’Ġerusalemm, u hu ħarab lejn Lakis, u bagħtu nies warajh f’Lakis u qatluh hemm.

28 Ġarrewh fuq iż-żwiemel, u difnuh ma’ missirijietu fil-belt ta’ Ġuda.

## 2 Kronaki 26

### Is-saltna ta’ Għużżija

1 U l-poplu kollu ta’ Ġuda qabad lil Għużżija, li kellu sittax-il sena, u għamluh sultan flok missieru Amasija.

2 Hu bena Elat, u ġiebha lura lil Ġuda, wara li strieħ is-sultan ma’ missirijietu.

3 Sittax-il sena kellu Għużżija meta beda jsaltan, u saltan għal tnejn u ħamsin sena f’Ġerusalemm. Ommu kien jisimha Ġekalija minn Ġerusalemm.

4 U għamel is-sewwa f’għajnejn il-Mulej bħalma kien għamel Amasija missieru.

5 Kien ifittex lil Alla sakemm dam ħaj Żakkarija, li kien jgħallmu jibża’ minn Alla. U sakemm dam ifittex il-Mulej, Alla kien jagħtih ir-risq.

6 U ħareġ jitqabad mal-Filistin, u fetaħ tiċrita fil-ħitan ta’ Gatt, u fil-ħitan ta’ Ġabni, u fil-ħitan ta’ Asdod; u bena bliet f’Asdod u bnadi oħra fost il-Filistin.

7 U Alla kien jgħinu kontra l-Filistin u kontra l-Għarab li kienu jgħammru f’Gur-bagħal, u kontra l-Megħunin.

8 U l-Għammonin kienu jħallsu t-tribut lil Għużżija, u ismu wasal sal-Eġittu, għax tqawwa fuq li tqawwa.

9 U Għużżija bena torrijiet f’Ġerusalemm fuq il-bieb tal-kantuniera, u fuq il-bieb tal-wied, u fil-kantuniera tas-sur, u ffortifikahom.

10 Bena wkoll fortizzi fid-deżert, u ħaffer ħafna bjar, għax kellu ħafna mrieħel, sew fis-Sefela sew fl-għoljiet, u ħaddiema fir-raba’ u ħaddiema fid-dwieli fuq l-għoljiet u fl-oqsma għammiela; għax kien iħobb ir-raba’.

11 U kellu wkoll Għużżija eżerċtu ta’ nies lesti għall-gwerra; kienu joħorġu qatgħa qatgħa, imqassmin skont l-għadd li għamel permezz ta’ Ġegħijel il-kittieb, u Magħxija l-uffiċjal, taħt it-tmexxija ta’ Hananija, wieħed mill-uffiċjali tas-sultan.

12 L-għadd kollu tal-kapijiet tal-familji tal-gwerriera qalbiena kien ta’ elfejn u sitt mitt ruħ.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

13Taħt idejhom kellhom eżerċtu ta' tliet mija u sebat elef u ħames mitt ruħ, kapaċi jitqabdu b'ħila kbira biex jgħinu lis-sultan kontra l-għedewwa tiegħu.

14U dan l-eżerċtu kollu Għużżija armah b'tarkiet, lanez, elmijiet, kurazzi, qwas u ġebel għall-iżbandoli.

15F'Ġerusalemm imbagħad għamel inġenji, maħsuba min-nies tas-sengħa, għal fuq it-torrijiet u għal fuq il-kantunieri tas-swar biex iwaddbu vleġeġ u ġebel kbir. Hekk ismu xtered sa fil-bogħod, għax kellu għajnuna tal-għaġeb sa ma tqawwa sewwa.

### Id-dnub u l-kastig ta' Għużżija

16Imma malli tqawwa, qalbu tkabbret sa tħassar, u dineb kontra l-Mulej, Alla tiegħu, u daħal fis-santwarju tal-Mulej biex jaħraq l-inċens fuq l-artal tal-inċens.

17U mar warajh Għażarija, il-qassis, b'xi qassisin tal-Mulej miegħu, tmenin raġel qalbieni.

18U waqfu quddiem Għużżija, is-sultan, u qalulu: "Ma jmissx lilek, Għużżija, li taħraq l-inċens lill-Mulej, iżda lill-qassisin, ulied Aron, ikkonsagrati biex jaħirqu l-inċens. Oħroġ 'il barra mis-santwarju, għax int dnibt u dan ma jagħmillek ebda ġieħ quddiem il-Mulej Alla."

19U Għużżija, li kellu f'idu ċ-ċensier għall-ħruq tal-inċens, xegħel bil-korla, u kif kien imdagħdagħ mal-qassisin, tfaċċat l-lebbra fuq ġbinu quddiem il-qassisin fid-dar tal-Mulej, ħdejn l-artal tal-inċens.

20U dar lejh Għażarija, il-qassis il-kbir, u l-qassisin kollha, u rawh bil-lebbra fuq ġbinu, u warrbuh minn hemm minnufih u hu stess fittex joħroġ għax il-Mulej kien darbu.

21U s-sultan Għużżija baqa' marid bil-lebbra sa ma miet, u kien jgħammar f'dar ta' lebbruż maqtugħa għaliha, għax kien maqtugħ minn dar il-Mulej; u Ġotam, ibnu, kien jieħu ħsieb il-palazz u jamministra l-ġustizzja lill-poplu tal-pajjiż.

22U l-bqija tal-ġrajja ta' Għużżija, mill-bidu sal-aħħar, kitibhom il-profeta Isaija bin Għamos.

23U strieħ Għużżija ma' missirijietu, u difnuh ma' missirijietu fl-għalqa tal-oqbra tas-slaten, għax qalu: "Hu marid bil-lebbra." U beda jsaltan floku ibnu Ġotam.

## 2 Kronaki 27

### Is-saltna ta' Ġotam

1Kellu ħamsa u għoxrin sena Ġotam meta beda jsaltan, u dam isaltan sittax-il sena f'Ġerusalemm; u ommu kien jisimha Ġerusa bint Sadok.


© 2020 Malta Bible Society.

2U għamel is-sewwa f'għajnejn il-Mulej bħalma kien għamel Għużżija, missieru. Biss ma daħalx fis-santwarju tal-Mulej u l-poplu kompla jitħassar.

3Huwa bena l-Bieb il-Kbir tat-tempju tal-Mulej, u bena ħafna fis-swar tal-Għofel.

4Bena wkoll bliet fuq l-għoljiet ta' Ġuda; u fil-foresti bena fortizzi u torrijiet.

5U tqabad ukoll mas-sultan ta' wlied Għammon, u għalibhom; u tawh ulied Għammon dik is-sena mitt talent tal-fidda u għaxart elef kor qamħ u għaxart elef oħra xgħir. Dan it-tribut ġabuhulu wlied Għammon fit-tieni u t-tielet sena wkoll.

6U Ġotam kompla ssaħħaħ għax żamm sewwa fi triqtu quddiem il-Mulej, Alla tiegħu.

7Il-bqija tal-ġrajja ta' Ġotam, u l-gwerer u l-imġiba kollha tiegħu huma miktuba fi Ktieb is-Slaten ta' Iżrael u Ġuda.

8Kellu ħamsa u għoxrin sena meta beda jsaltan, u dam isaltan sittax-il sena f'Ġerusalemm.

9U strieħ Ġotam ma' missirijietu, u difnuh fil-belt ta' David; u daħal isaltan floku Aħaż ibnu.

## 2 Kronaki 28

### Is-saltna ta' Aħaż

1Għoxrin sena kellu Aħaż meta beda jsaltan, u dam isaltan sittax-il sena f'Ġerusalemm; u ma għamilx is-sewwa f'għajnejn il-Mulej, bħalma kien għamel David missieru.

2U qabad it-triq tas-slaten ta' Iżrael, u saħansitra għamel xbihat imdewba lill-Bagħlim.

3U kien jaħraq l-inċens fil-wied ta' Benħinnom, u kien jgħaddi lil uliedu min-nar skont id-drawwa kerha tal-ġnus, li l-Mulej kien keċċiehom minn quddiem ulied Iżrael.

4U offra sagrifiċċji u ħaraq l-inċens fuq l-għoljiet u l-għaqbiet, u taħt kull siġra tħaddar.

5Imma l-Mulej Alla tiegħu rħieh f'id is-sultan ta' Aram; kissruh u ħadulu ħafna priġunieri u ħaduhom Damasku. Kien mitluq ukoll f'idejn is-sultan ta' Iżrael, u dan tah xebgħa kbira.

6F'jum wieħed Pekaħ bin Remalija qatel mija u għoxrin elf ruħ f'Ġuda, ilkoll nies ta' ħila, għax kienu telqu l-Mulej, Alla ta' missirijiethom.

7U Żikri, bniedem qalbieni minn Efrajm, qatel lil Magħxija bin is-sultan, u lil Għażrikam, l-inkarigat mill-palazz, u lil Elkana, it-tieni wara s-sultan.


© 2020 Malta Bible Society.

8 U wlied Iżrael ħadu mitejn elf ruħ priġunier minn ħuthom, nisa, subien u bniet, u ħadulhom ukoll priża kbira, u ġiebu din il-priża f'Samarija.

9 Hemm kien hemm profeta tal-Mulej, jismu Għoded, u ħareġ jiltaqa' mal-eżerċtu li kien wasal Samarija u qalilhom: "Araw, minħabba s-saħta tiegħu kontra Ġuda rħiehom f'idejkom il-Mulej, Alla ta' missirijietkom, u intom qtiltuhom b'qilla li waslet sas-sema.

10 U issa intom ħsibtu biex tagħmlu lsiera tagħkom, irġiel u nisa, lil ulied Ġuda u Ġerusalemm. Jaqaw ma għandkomx intom ukoll dnubiet kontra l-Mulej, Alla tagħkom?

11 Issa isimgħu minni, u ibagħtu lura l-priġunieri li intom qbadtu minn fost ħutkom, għax is-saħna tal-korla tal-Mulej hi fuqkom."

12 U qamu xi nies minn fost il-kapijiet ta' wlied Efrajm: Għażarija bin Ġoħanan, Barakija bin Mesillemot, Ħeżekija bin Sallum, u Għamaxa bin Hadlaj għal dawk li kienu ġejjin mill-gwerra

13 u qalulhom: "La ddaħħlux hawn il-priġunieri, għax nitgħabbew bid-dnub kontra l-Mulej. Intom qegħdin tfittxu biex iżżidu fuq ħtijietna u fuq dnubietna, meta dnubna diġà kbir biżżejjed u diġà hemm fuqna s-saħna tal-korla kontra Iżrael."

14 Imbagħad il-gwerriera telqu l-priġunieri u l-priża quddiem il-kapijiet u l-ġemgħa kollha.

15 U qamu n-nies li kienu msejħin b'isimhom u għamlu l-qalb lill-priġunieri, u libbsu lill-għarwenin bl-ilbies tal-priża, libbsuhom u xiddewlhom il-qrieq; temgħuhom u sqewhom u dilkuhom: u 'l dawk kollha li ma kinux jifilħu għabbewhom fuq il-ħmir u ħaduhom lejn Ġeriko, il-belt tat-tamar, ħdejn ħuthom, u mbagħad reġgħu lura lejn is-Samarija.

### It-telf u l-mewt ta' Aħaż

16 Dak iż-żmien is-sultan Aħaż bagħat għand is-sultan tal-Assirja biex jgħinu.

17 U l-Edumin ukoll ġew u ħabtu għal Ġuda u ħadu l-priġunieri.

18 U l-Filistin għamlu ħerba mill-ibliet tas-Sefela u n-Negeb ta' Ġuda, u ħatfu f'idejhom lil Betxemex u Ajjalon, 'l Gederot, 'l Xoku bl-irħula tagħha, u 'l Timna bl-irħula tagħha u 'l Gimżu bl-irħula tagħha, u baqgħu fihom.

19 Għax il-Mulej ġieb fix-xejn lil Ġuda minħabba Aħaż, sultan ta' Iżrael, għax ħalla 'l Ġuda jagħmlu li jridu, u mexa ta' infidil mal-Mulej.

20 U ġie għalih Tiglat-pileser, sultan tal-Assirja; imma minflok għenu, aktar għakksu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

21 Għalkemm Aħaż neżża' t-tempju tal-Mulej u l-palazz tas-sultan u tal-prinċpijiet, u ta kollox lis-sultan tal-Assirja, minnu ma kellu ebda għajnuna.

22 Madankollu mqar fi żmien l-għaks baqa' infidil lejn il-Mulej, hu, is-sultan Aħaż.

23 Kien joffri s-sagrifiċċji lill-allat ta' Damasku, ta' dawk li kienu ħarbtuh, għax kien jgħid: "L-allat tas-slaten ta' Aram, lil dawn kienu jgħinuhom, għalhekk jien noffrilhom is-sagrifiċċji, ħalli jgħinuni." Imma huma kienu l-qerda tiegħu u ta' Iżrael kollu.

24 U Aħaż ġabar it-tagħmir kollu tat-tempju ta' Alla, u għamel bċejjeċ it-tagħmir tat-tempju ta' Alla, u sakkar il-bibien tat-tempju tal-Mulej, u għamel artali f'kull rokna ta' Ġerusalemm.

25 U bena santwarji f'kull belt ta' Ġuda biex jaħarqu fuqhom l-inċens lil allat oħra, u hekk kompla saħħan il-korla tal-Mulej, Alla ta' missirijietu.

26 Il-bqija tal-ġrajja tiegħu u l-imġiba tiegħu kollha, mill-bidu sal-aħħar, huma miktuba fi Ktieb is-Slaten ta' Ġuda u Iżrael.

27 U Aħaż strieħ ma' missirijietu, u difnuh fil-belt f'Ġerusalemm, imma ma ħaduhx fl-oqbra tas-slaten ta' Iżrael; u daħal isaltan floku Ħeżekija, ibnu.

## 2 Kronaki 29

### Is-saltna ta' Ħeżekija

1 Ħeżekija beda jsaltan meta kellu ħamsa u għoxrin sena u baqa' jsaltan Ġerusalemm għal disgħa u għoxrin sena, u ommu kien jisimha Abija, bint Żakkarija.

2 U għamel is-sewwa f'għajnejn il-Mulej bħal kulma kien għamel David missieru.

3 Fl-ewwel sena tas-saltna tiegħu, fl-ewwel xahar, fetaħ il-bibien tat-tempju tal-Mulej u sewwiehom.

4 Ġieb il-qassisin u l-Leviti, u laqqagħhom fil-misraħ tal-Lvant

5 u qalilhom: "Isimgħuni, Leviti. Issa tqaddsu u qaddsu dar il-Mulej, Alla ta' missirijietkom, u oħorġu 'l barra t-tinġis mis-santwarju.

6 Għax dinbu missirijietna, u għamlu l-ħażin f'għajnejn il-Mulej, Alla tagħna, telquh, u dawru wiċċhom 'l hemm mill-għamara tal-Mulej, u tawh daharhom.

7 U saħansitra sakkru l-bibien tal-portiku, tfew l-imnariet, u ma ħarqux aktar l-inċens, u ma offrewx aktar sagrifiċċji fis-santwarju lil Alla ta' Iżrael.

8 Għalhekk għadab il-Mulej waqa' fuq Ġuda u Ġerusalemm, u għamel minnhom waħx u għaġeb u oġġett għat-tisfir, bħalma taraw b'għajnejkom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

9U araw, waqgħu missirijietna bix-xabla, u s-subien u l-bniet u n-nisa tagħna
spiċċaw fil-jasar minħabba dan.

10“Issa għamilt il-ħsieb li nagħmel patt mal-Mulej, Alla ta’ Iżrael, biex iraġġa’ lura
s-saħna tiegħu ’l bogħod minna.

11Issa, uliedi, titnikkrux, għax il-Mulej għażilkom biex toqogħdu quddiemu u
sservuh, u tkunu l-ministri tiegħu biex taħarqulu l-inċens.”

### Il-Leviti jnaddfu t-tempju

12U qamu l-Leviti: Maħat bin Għamaxaj, u Ġoel bin Għażarija, minn ulied il-
Keħatin; u minn ulied Merari: Kis bin Għabdi u Għażarija bin Ġeħallelijel: u mill-
Gersunin: Ġowaħ bin Żimma u Għeden bin Ġowaħ;

13minn ulied Elisafan: Simri u Ġegħijel; minn ulied Asaf: Żakkarija u Mattanija;

14minn ulied Heman: Ġeħijel u Simgħi; minn ulied Ġedutun: Semajja u Għużżijel.

15U ġemgħu lil ħuthom u tqaddsu, u ġew biex inaddfu dar il-Mulej, skont l-ordni
tas-sultan fuq il-kelma tal-Mulej.

16U l-qassisin daħlu ’l ġewwa nett fid-dar tal-Mulej biex inaddfuha, u ħarġu l-
ħmieġ kollu li sabu fis-santwarju tal-Mulej, fil-bitħa tat-tempju tal-Mulej, u
ħaduh il-Leviti biex jeħduh ’il barra lejn il-wied ta’ Kedron.

17U bdew iqaddsuh fl-ewwel jum tal-ewwel xahar, u waslu ħdejn il-portiku tal-
Mulej; u ħadu tmint ijiem oħra biex qaddsu dar il-Mulej, u spiċċaw fis-sittax-il
jum tal-ewwel xahar.

18U mbagħad daħlu għand is-sultan Heżekija, u qalulu: “Naddafna t-tempju kollu
tal-Mulej, u l-artal tas-sagrifiċċju tal-ħruq bit-tagħmir kollu tiegħu, u l-mejda tal-
ħobż tal-preżenza bit-tagħmir kollu tagħha.

19U t-tagħmir kollu li Aħaż, is-sultan, kien warrab fis-saltna tiegħu minħabba
dnubietu, lestejniehom u qaddisniehom; u hemm huma quddiem l-artal tal-
Mulej.”

20U s-sultan Heżekija qam kmieni u ġabar il-prinċpijiet tal-belt u tala’ fid-dar tal-
Mulej.

21Ġiebu seba’ gniedes, u seba’ mtaten, u sebat iħrief, u seba’ bdabad għas-
sagrifiċċju tal-purifikazzjoni għas-saltna, għas-santwarju, u għal Ġuda. U ordna
lil ulied Aron, il-qassisin, li joffru s-sagrifiċċji fuq l-artal tal-Mulej.

22U qatlu l-gniedes, u l-qassisin ħadu d-demm u raxxewh mal-artal; u qatlu l-
imtaten u raxxew demmhom mal-artal; u qatlu l-ħrief u raxxew demmhom mal-
artal;

23imbagħad ressqu l-bdabad għas-sagrifiċċju tal-purifikazzjoni quddiem is-
sultan u l-ġemgħa, u qiegħdu idejhom fuqhom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

24Imbagħad il-qassisin qatluhom, u offrew demmhom b'purifikazzjoni tad-dnub
fuq l-artal, biex jaqilgħu l-maħfra għal Iżrael kollu, għax is-sultan kien ordna li
jsiru sagrifiċċji tal-ħruq u sagrifiċċji tal-purifikazzjoni għal Iżrael kollu.

25U hu qiegħed il-Leviti f'dar il-Mulej biċ-ċnieċel, bl-arpi u biċ-ċetri, skont l-ordni
ta' David, u Gad, il-veġġent tas-sultan, u Natan, il-profeta. Għax mingħand il-
Mulej kien ġej l-ordni permezz tal-profeti.

26U l-Leviti qagħdu bl-istrumenti ta' David, u l-qassisin bit-trombi.

27U Ħeżekija ordna li joffru s-sagrifiċċju tal-ħruq fuq l-artal. Malli beda s-
sagrifiċċju, beda l-kant lill-Mulej, u d-daqq tat-trombi msieħba mill-istrumenti
ta' David, is-sultan ta' Iżrael.

28U l-ġemgħa kollha niżlet wiċċha fl-art tadura, fost id-diwi tal-kant u d-daqq tat-
trombi sa ma ntemm is-sagrifiċċju tal-ħruq.

29U xħin intemm is-sagrifiċċju tal-ħruq, is-sultan u dawk kollha li kienu miegħu
niżlu wiċċhom fl-art jaduraw.

30U Ħeżekija u l-prinċpijiet ordnaw lil-Leviti li jfaħħru lill-Mulej bi kliem David
u Asaf, il-veġġent; u bdew ikantaw għana ta' tifħir u ferħ, u jaduraw wiċċhom fl-
art.

31U Ħeżekija beda jitkellem u jgħid: "Issa li tqaddistu għall-Mulej, ersqu u ġibu
vittmi u offerti ta' radd il-ħajr f'dar il-Mulej." U l-ġemgħa ġiebu vittmi u offerti ta'
radd il-ħajr, u xi wħud ta' qalb kbira ġiebu vittmi għas-sagrifiċċju tal-ħruq.

32U l-għadd tal-vittmi għas-sagrifiċċju tal-ħruq li ġiebet il-ġemgħa laħaq sebgħin
gendus, mitt muntun, mitejn ħaruf - dawn kollha għas-sagrifiċċju tal-ħruq lill-
Mulej.

33L-offerti mqaddsa kienu sitt mitt gendus, u tlitt elef nagħġa.

34Imma l-qassisin kienu ftit u ma setgħux ilaħħqu biex jisolħu l-vittmi kollha tas-
sagrifiċċju tal-ħruq; u ħuthom il-Leviti għenuhom sa ma ntemm ix-xogħol u l-
qassisin laħqu tqaddsu - għax il-Leviti kienu aktar mill-qassisin qalbhom
ħerqana biex jitqaddsu.

35U kien hemm abbundanza ta' vittmi għall-ħruq, u xaħam tal-vittmi tas-sliem u
l-libazzjonijiet tas-sagrifiċċji tal-ħruq. Hekk is-servizz f'dar il-Mulej beda jseħħ
mill-ġdid.

36U feraħ Ħeżekija u l-poplu kollu b'dak kollu li l-Mulej għamel għall-poplu, għax
kollox sar malajr.

## 2 Kronaki 30

### Iċ-ċelebrazzjoni tal-Għid

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

1 U Heżekija bagħat messaġġiera ma’ Iżrael u Ġuda kollu, u kiteb ittri wkoll lil
Efrajm u Manassi, biex jiġu f’dar il-Mulej f’Ġerusalemm biex jagħmlu l-festa tal-
Għid f’ġieħ il-Mulej, Alla ta’ Iżrael.

2 U s-sultan u l-prinċpijiet tiegħu u l-ġemgħa kollha f’Ġerusalemm ftiehmu biex
jagħmlu l-festa tal-Għid fit-tieni xahar,

3 għax ma setgħux jagħmluha fi żmienha billi ma kinux tqaddsu qassisin
biżżejjed, u l-poplu ma laħaqx inġabar Ġerusalemm.

4 U dan deher sewwa f’għajnejn is-sultan u f’għajnejn il-ġemgħa kollha.

5 U ddeċidew li jniedu ma’ Iżrael kollu, minn Birsaba sa Dan, biex jinġabru
Ġerusalemm ħa jagħmlu l-festa tal-Għid f’ġieħ il-Mulej, Alla ta’ Iżrael, għax kienet
ilha ma ssir skont ma kien miktub.

6 U l-messaġġiera marru bl-ittri minn id is-sultan u l-prinċpijiet tiegħu f’Iżrael
kollu u Ġuda skont l-ordni tas-sultan, u qalulhom: “Ulied Iżrael, erġgħu lura għal
għand il-Mulej, Alla ta’ Abraham, Iżakk u Iżrael, u huwa jerġa’ lura lejn il-fdal li
ħeles minn id is-sultan tal-Assirja.

7 Tkunux bħal missirijietkom u ħutkom li qarrqu bil-Mulej, Alla ta’
missirijiethom, u hu għamel minnhom ħerba kif intom qegħdin taraw.

8 Issa la twebbsux raskom bħal missirijietkom; newlu idejkom lill-Mulej, u ejjew
fis-santwarju tiegħu, li hu qaddes għal dejjem, u aqdu lill-Mulej Alla tagħkom; u
hekk titbiegħed minnkom is-saħna tal-korla tiegħu.

9 Għax jekk intom terġgħu lura għal għand il-Mulej, ħutkom u wliedkom isibu
ħniena quddiem dawk li ħaduhom ilsiera, u jerġgħu lura lejn din l-art. Għax
ħanin u ta’ qalb tajba hu l-Mulej, Alla tagħkom, u ma jdawwarx wiċċu minnkom
jekk terġgħu għal għandu.”

10 U l-messaġġiera għaddew minn belt għal belt, fl-art ta’ Efrajm u Manassi sa
Żebulun; iżda ħaduhom biċ-ċajt u ddieħku bihom.

11 Imma xi nies minn Aser, Manassi u Żebulun umiljaw ruħhom, u ġew
Ġerusalemm.

12 U f’Ġuda wkoll l-id ta’ Alla kienet magħhom biex tahom qalb waħda, biex
jagħmlu skont l-ordni tas-sultan u l-prinċpijiet, skont il-kelma tal-Mulej.

13 U nġabar f’Ġerusalemm poplu kbir biex jagħmlu l-festa tal-ħobż ażżmu fit-tieni
xahar; u kienet ġemgħa tassew kbira.

14 U qamu u neħħew l-artali li kien hemm f’Ġerusalemm, u neħħew ukoll l-artali
tal-inċens, u xeħtuhom fil-wied ta’ Kedron.

15 U qatlu l-ħaruf tal-Għid fl-erbatax tat-tieni xahar. Il-qassisin u l-Leviti stħaw u
tqaddsu, u ġiebu vittmi għas-sagrifiċċju tal-ħruq f’dar il-Mulej.


© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

16U ħadu posthom kif kien imisshom skont il-Liġi ta' Mosè, il-bniedem ta' Alla; u
l-qassisin bdew iroxxu d-demm li ħadu minn idejn il-Leviti.

17Għax kien hemm ħafna fil-ġemgħa li ma kinux tqaddsu, u l-Leviti, għalhekk,
bdew jieħdu ħsieb il-qtil tal-vittmi tal-Għid għal kull min ma kienx nadif, biex
iqaddishom lill-Mulej.

18Billi kotra kbira mill-poplu, l-aktar minn Efrajm, Manassi, Issakar u Żebulun,
ma kinux tnaddfu, imma kielu l-ħaruf tal-Għid mhux skont ma kien miktub,
Ħeżekija talab għalihom u qal: "Jaħfer il-Mulej, li hu tajjeb,

19lil kull min minn qalbu qiegħed ifittex lil Alla l-Mulej, Alla ta' missirijietu,
għalkemm mhux nadif kif jixraq lis-santwarju."

20U l-Mulej sama' 'l Ħeżekija u ħafer lill-poplu.

21U wlied Iżrael, li kienu jinsabu Ġerusalemm, għamlu l-festa tal-ħobż ażżmu
għal sebat ijiem sħaħ b'festi kbar; u kull jum il-Leviti u l-qassisin kienu jfaħħru
lill-Mulej b'kemm kellhom saħħa.

22Ħeżekija mbagħad, lil-Leviti kollha li wrew għaqal u dehen tassew fis-servizz
tal-Mulej, kellimhom b'mod li jmissilhom qalbhom. U temmew il-festa f'sebat
ijiem, li fihom kienu joffru s-sagrifiċċji tas-sliem u jiżżu ħajr lill-Mulej, Alla ta'
missirijiethom.

23U l-ġemgħa kollha ftiehmu li jkomplu l-festa għal sebat ijiem oħra, u hekk
baqgħu sejrin għal sebat ijiem oħra kollha ferħ.

24Għax Ħeżekija, sultan ta' Ġuda, ta lill-ġemgħa elf gendus u sebat elef nagħġa; u
l-prinċpijiet taw lill-ġemgħa elf gendus u għaxart elef nagħġa; u tqaddsu ħafna
qassisin.

25U ferħet il-ġemgħa kollha ta' Ġuda, u l-qassisin u l-Leviti, u l-ġemgħa kollha li
ġew minn Iżrael, u l-barranin li ġew mill-art ta' Iżrael, u dawk li kienu jgħammru
f'Ġuda.

26U kien hemm ferħ kbir f'Ġerusalemm, għax sa minn żmien Salamun bin David,
sultan ta' Iżrael, qatt ma kien hemm festa bħal din f'Ġerusalemm.

27U l-qassisin u l-Leviti qamu u bierku 'l poplu. U leħinhom instama', u t-talba
tagħhom waslet fl-għamara qaddisa tiegħu fis-smewwiet.

## 2 Kronaki 31

### Il-qerda tas-santwarji

1Meta ntemm dan kollu, l-Iżraelin kollha li kienu preżenti telqu lejn l-ibliet ta'
Ġuda, u kissru l-plieri wieqfa, u qaċċtu x-xbihat tal-Asera, u farrku s-santwarji u
l-artali kollha mill-art ta' Ġuda u Benjamin, u f'Efrajm u Manassi, u qerduhom

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

għalkollox. Imbagħad ulied Iżrael ilkoll reġgħu lura, kull wieħed lejn daru jew
lejn beltu.

### It-tqassim tal-Leviti

2U Ħeżekija waqqaf it-taqsima tal-qassisin u l-Leviti, kulħadd fit-taqsima tiegħu
skont is-servizz tiegħu, sew il-qassisin sew il-Leviti, għas-sagrifiċċji tal-ħruq u s-
sagrifiċċji tas-sliem, biex jagħmlu s-servizz, u jroddu ħajr u tifħir fil-bibien tal-
kamp tal-Mulej.

3U s-sultan kien jagħti sehem minn ġidu għas-sagrifiċċji; is-sagrifiċċji tal-ħruq ta'
filgħodu u s-sagrifiċċji tal-ħruq ta' filgħaxija, u s-sagrifiċċji tal-ħruq tas-Sibtijiet
u tal-qamar ġdid u tal-festi, skont ma hemm miktub fil-Liġi tal-Mulej.

4U ordna lill-poplu li kien jgħammar f'Ġerusalemm, li jagħti sehmu lill-qassisin
u lil-Leviti, biex iżommu sħiħ mal-liġi tal-Mulej.

5U malli ġriet l-ordni, ulied Iżrael ġiebu bl-abbundanza l-bikri tal-qmuħ, tal-inbid
il-ġdid, taż-żejt u tal-għasel, u tal-uċuħ kollha tar-raba', u l-għexur ta' kollox bl-
abbundanza.

6U wlied Iżrael u Ġuda li kienu jgħammru fl-ibliet ta' Ġuda, huma wkoll ġiebu l-
għexur tal-baqar u tal-imrieħel u tal-ħwejjeġ imqaddsa, li kellhom jitqaddsu lill-
Mulej, Alla tagħhom: ġiebu kollox u għamluhom gzuz gzuz.

7Fit-tielet xahar bdew jiġbru dawn il-gzuz, u temmewhom fis-seba' xahar.

8U ġew Ħeżekija u l-prinċpijiet, u raw dawn il-gzuz, u bierku l-Mulej u l-poplu
tiegħu Iżrael.

9U Ħeżekija stħarreġ il-qassisin u l-Leviti dwar il-gzuz,

10u wieġbu Għażarija, il-qassis il-kbir, minn dar Sadok u qallu: "Sa minn meta
bdew iġibu l-offerti f'dar il-Mulej, kilna u xbajna, u fadlilna ħafna għax il-Mulej
bierek il-poplu tiegħu, u għalhekk dan il-fdal bl-abbundanza."

11U Ħeżekija ordna li jibnu mħażen f'dar il-Mulej, u bnewhom.

12U ġiebu l-offerti, u l-għexur, u l-ħwejjeġ imqaddsa bir-reqqa. U kien jieħu
ħsiebhom Konanija l-Levita, u ħuh Simgħi kien jgħinu;

13u Ġeħijel, Għażażija, Naħat, Għaxajel, Ġerimot, Ġożabad, Elijel, Ismakija, Maħat,
Benajja, dawn kienu suprentendenti taħt is-setgħa ta' Konanija u ħuh Simgħi,
skont ma qassam Ħeżekija, is-sultan, u Għażarija, il-kap tad-dar ta' Alla.

14U Kore bin Imna, il-Levita, il-purtinar tal-bieb tal-Lvant, kellu jieħu ħsieb l-
offerti volontarji lil Alla u jqassam il-porzjon merfugħ għall-Mulej, u l-ħwejjeġ l-
aktar qaddisa.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

15Kellu jgħinuh lil Għeden, Minjamin, Ġożwè, Semajja, Amarija, u Sekanija fl-
ibliet tal-qassisin, biex jagħtu bir-reqqa lil ħuthom kbar u żgħar, skont it-taqsim
tagħhom.

16Kien hemm imniżżlin skont in-nisel tagħhom l-irġiel kollha minn tliet snin 'il
fuq, fosthom dawk li kellhom jidħlu f'dar il-Mulej skont is-servizz tagħhom minn
jum għal ieħor, biex jagħmlu x-xogħol tagħhom skont is-servizz u t-taqsim
tagħhom.

17Ir-reġistrazzjoni tal-qassisin kienet skont id-djar ta' missirijiethom; filwaqt li
dik tal-Leviti, minn għoxrin sena 'l fuq, skont is-servizz u t-taqsim tagħhom.

18U kienu jinkitbu bit-trabi u n-nisa tagħhom, u s-subien u l-bniet tagħhom, il-
ġemgħa kollha, għaliex kienu jaqdu bir-reqqa d-dmirijiet qaddisa.

19Il-qassisin, ulied Aron, li kienu jgħammru fir-raba' madwar bliethom, f'kull
belt, kien hemm għalihom xi rġiel imsemmijin b'isimhom biex iqassmu l-
porzjonijiet lil kull raġel fost il-qassisin u lil kull min kien miktub fost il-Leviti.

20Hekk għamel Ħeżekija f'Ġuda kollu; u għamel it-tajjeb, il-ħaqq u s-sewwa
f'għajnejn il-Mulej, Alla tiegħu,

21u f'kull xogħol li daħal għalih għas-servizz tad-dar ta' Alla, għal-liġi u l-
kmandamenti, kellu f'rasu li jfittex lil Alla tiegħu b'qalbu kollha, u għalhekk
ħadem u kellu r-riżq.

## 2 Kronaki 32

### L-invażjoni ta' Sanħerib

1Wara dawn il-ġrajja u r-riżq ta' Ħeżekija, ġie Sanħerib, sultan tal-Assirja, u daħal
Ġuda; u waqqaf il-kamp kontra l-ibliet iffortifikati u ried li jidħlu jeħduhom.

2U meta Ħeżekija ra li ġie Sanħerib u ħsiebu kien li jaħbat għal Ġerusalemm,

3ħa l-parir tal-prinċpijiet u tal-qalbenin tiegħu biex jagħlaq l-għejun tal-ilma li
kienu barra l-belt; u huma qablu miegħu.

4U nġemgħet kotra kbira ta' nies, u għalqu l-għejun kollha u n-nixxigħat
għaddejja minn nofs l-art għax qalu: "Għaliex is-slaten tal-Assirja għandhom jiġu,
u jsibu ħafna ilma?"

5U għamel il-qalb, u bena l-ħajt kollu li kien iżżaqqaq, u talla' fuqu torrijiet, u ħajt
ieħor fuq in-naħa ta' barra; u saħħaħ il-Millu tal-belt ta' David, u għamel għodod
tal-gwerra u tarkiet bil-kotra.

6U qiegħed fizzjali tal-gwerra fuq il-poplu. U ġabarhom madwaru fil-misraħ
ħdejn il-bieb tal-belt, u kellimhom b'mod li jmissilhom qalbhom u qalilhom:


© 2020 Malta Bible Society.

7“Agħmlu l-ħila u qawwu qalbkom: la tibżgħux u la titwerwrux quddiem is-sultan tal-Assirja, u quddiem il-kotra li hemm miegħu, għax magħna hemm aktar milli hemm miegħu.

8Miegħu hemm id-driegħ tal-laħam, imma magħna hemm il-Mulej, Alla tagħna, biex jgħinna u jitqabad fit-taqbid tagħna.” U l-poplu qawwa qalbu bi kliem Ħeżekija, sultan ta’ Ġuda.

9Wara dan kollu Sanħerib, is-sultan tal-Assirja, li kien ħdejn Lakis bl-eżerċtu tiegħu kollu miegħu, bagħat il-qaddejja tiegħu Ġerusalemm għand Ħeżekija, sultan ta’ Ġuda, u għand in-nies ta’ Ġuda, u qalilhom:

10“Dan jgħid Sanħerib, sultan tal-Assirja: ‘Fuqiex qegħdin isserrħu raskom intom l-assedjati f’Ġerusalemm?

11Jaqaw Ħeżekija mhux iqarraq bikom biex jerħikom għall-mewt bil-ġuħ u bil-għatx meta jgħidilkom: ‘Il-Mulej Alla tagħna jeħlisna minn id is-sultan tal-Assirja?’

12Mhux Ħeżekija stess neħħielu s-santwarji u l-artali tiegħu, u ordna lil Ġuda u lil Ġerusalemm u qalilhom: ‘Quddiem artal wieħed tinżlu taduraw u fuqu taħarqu l-inċens’?

13Jaqaw ma tafux x’għamilt jien u missirijieti lill-ġnus tal-artijiet kollha? Kellhom ħila l-allat tal-ġnus tal-artijiet jeħilsu l-artijiet tagħhom minn idejja?

14Fost l-allat kollha ta’ dawn il-ġnus meqruda minn missirijieti, min minnhom kellu l-ħila jeħles il-poplu tiegħu minn idejja, biex issa Alla tagħkom jista’ jeħles lilkom minn idejja?

15Mela issa tħallux lil Ħeżekija jqarraq u jidħak bikom b’dan il-mod; la temmnuhx, għax ebda alla minn ta’ dawk il-popli jew saltniet ma kellu l-ħila jeħles il-poplu tiegħu minn idejja, u minn idejn missirijieti. Kemm anqas se jeħles lilkom Alla tagħkom, issa, minn idejja.”

16U l-messaġġiera ta’ Sanħerib komplew jgħidu ħafna aktar kliem kontra l-Mulej Alla u kontra Ħeżekija, il-qaddej tiegħu.

17U saħansitra kitiblu ittri biex iżeblaħ lill-Mulej, Alla ta’ Iżrael, u qallu: “Bħalma l-allat tal-ġnus tal-artijiet l-oħra ma ħelsux il-popli tagħhom minn idejja, hekk anqas jeħles minn idejja l-poplu tiegħu Alla ta’ Ħeżekija.”

18U bdew jgħajtu b’leħen għoli bil-Lhudi lill-poplu ta’ Ġerusalemm, li kien hemm fuq il-ħajt, biex ibeżżgħuhom u jwerwruhom ħalli hekk jieħdu l-belt.

19U tkellmu minn Alla ta’ Ġerusalemm bħallikieku mill-allat tal-ġnus, xogħol ta’ idejn il-bniedem.


© 2020 Malta Bible Society.

20U s-sultan Ħeżekija u l-profeta Isaija bin Amos bdew jitolbu minħabba dan u
jgħajtu lejn is-sema.

21U bagħat il-Mulej anġlu, u qered kull raġel qalbieni, u l-ġenerali u l-fizzjali fil-kamp tas-sultan tal-Assirja; u dan kellu jerġa' lura kollu mistħi u daħal fid-dar tal-alla tiegħu, u hemm qatluh bix-xabla dawk stess li ħarġu mill-ġewwieni tiegħu.

22Hekk il-Mulej salva 'l Ħeżekija u n-nies li jgħammru f'Ġerusalemm minn id Sanħerib, sultan tal-Assirja, u minn id kulħadd; u tahom il-mistrieħ madwarhom.

23U ħafna bdew iġibu offerti lill-Mulej f'Ġerusalemm, u ħwejjeġ prezzjużi lil Ħeżekija, sultan ta' Ġuda, u dan għola ħafna f'għajnejn il-ġnus minn dakinhar 'il quddiem.

### Il-marda u l-mewt ta' Ħeżekija

24Dak iż-żmien Ħeżekija marad għall-mewt, u talab lill-Mulej, u dan wieġbu u tah
sinjal.

25Imma Ħeżekija ma raddx ħajr skont il-ġid li sarlu, għax qalbu tkabbret, u
waqgħet il-korla tal-Mulej fuqu u fuq Ġuda u Ġerusalemm.

26Imma Ħeżekija umilja ruħu mill-kburija ta' qalbu, hu u miegħu n-nies ta'
Ġerusalemm, u l-korla tal-Mulej ma laħqithomx fi żmien Ħeżekija.

27U Ħeżekija kellu għana u ġieħ kbir; għamel imħażen għall-fidda u d-deheb,
għall-ħaġar prezzjuż u l-fwejjaħ, għat-tarkiet u oġġetti oħra prezzjużi;

28u mħażen għall-ġabra tal-qamħ u għall-inbid ġdid u ż-żejt, imqawel għal kull
xorta ta' bhejjem u oqsma għall-imrieħel.

29U għamel kwartieri u mandriet għall-imrieħel u l-baqar, għax Alla tah ġid bl-abbundanza.

30Kien hu, Ħeżekija, li sadd l-għajn tal-ilma ta' Giħon ta' fuq, u dawru għan-naħa
tal-Punent tal-belt ta' David. U Ħeżekija sab ir-risq f'kulma kien jagħmel.

31Imma fil-każ tal-messaġġiera tal-prinċpijiet ta' Babilonja, li kienu mibgħuta għandu biex jistħarrġuh fuq il-ħwejjeġ tal-għaġeb li kienu saru fil-pajjiż, Alla telqu biex iġarrbu u jagħraf kulma kellu f'qalbu.

32U l-bqija tal-ġrajja ta' Ħeżekija u l-opri tajba tiegħu huma miktuba fid-dehriet
ta' Isaija bin Amos, il-profeta, u fi Ktieb is-Slaten ta' Ġuda u Iżrael.

33U Ħeżekija strieħ ma' missirijietu, u difnuh fit-telgħa tal-oqbra ta' wlied David;
u Ġuda kollu u dawk li kienu jgħammru f'Ġerusalemm tawh il-ġieħ f'mewtu. U
beda jsaltan floku Manassi, ibnu.

## 2 Kronaki 33


© 2020 Malta Bible Society.

### Is-saltna ta' Manassi

1Kellu tnax-il sena Manassi meta beda jsaltan, u dam isaltan ħamsa u ħamsin
sena f'Ġerusalemm;

2u għamel il-ħażin f'għajnejn il-Mulej, bħall-qżiżijiet tal-ġnus li Alla kien keċċa
minn quddiem ulied Iżrael.

3Bena s-santwarji li kien ġarraf Heżekija, missieru, u waqqaf artali lill-Bagħlim,
u għamel ix-xbihat tal-Asera, u beda jqim l-eżerċti tas-sema u jaqdihom.

4U bena wkoll artali fit-tempju tal-Mulej minkejja li l-Mulej kien qalilhom:
"F'Ġerusalemm ikun hemm ismi għal dejjem."

5U bena artal lill-eżerċti kollha tas-sema fiż-żewġ btieħi tat-tempju tal-Mulej.

6U hu għadda lil uliedu min-nar b'sagrifiċċju fil-wied ta' Benħinnom, u taha għat-
teħbir u s-seħer u l-magħmul, u daħħal it-teħbir tal-mejtin u l-qari tal-ġejjieni. U
għamel kemm felaħ il-ħażin f'għajnejn il-Mulej, tant li inkurlah sewwa.

7Qiegħed saħansitra xbieha tal-idolu, li kien għamel, fit-tempju ta' Alla, li fuqu
Alla kien qal lil David u Salamun, ibnu: "F'dan it-tempju u f'Ġerusalemm, li jien
għażilt minn fost it-tribujiet kollha ta' Iżrael, jiena nqiegħed ismi għal dejjem.

8U ma nħallix iżjed li riġel Iżrael jitbiegħed mill-art li fiha jien qegħedt lil
missirijietkom; imma dan iseħħ biss jekk iqisu li jħarsu kulma ordnajtilhom
skont il-liġi, il-kmandamenti u d-digrieti permezz ta' Mosè."

9U Manassi ħareġ mit-triq lil Ġuda u n-nies ta' Ġerusalemm u ġagħalhom jagħmlu
agħar mill-ġnus li l-Mulej kien qered minn quddiem Iżrael.

10U l-Mulej kellem lil Manassi, u lill-poplu, imma dawn ma tawhx widen.

11U l-Mulej ġieb għalihom il-kmandanti tal-eżerċtu tas-sultan tal-Assirja, u
qabdu 'l Manassi, għamlulu ħolqa, rabtuh b'żewġ ktajjen tar-ram, u ħaduh
f'Babilonja.

12U kif kien fil-hemm talab il-ħniena mill-Mulej Alla tiegħu, u umilja ruħu sewwa
quddiem Alla ta' missirijietu.

13U talbu, u Alla laqa' t-talba tiegħu, u sama' l-krib tiegħu u reġġgħu lura lejn
Ġerusalemm f'saltnatu. U Manassi għaraf li l-Mulej hu Alla.

14U wara dan bena ħajt fuq in-naħa ta' barra tal-belt ta' David, fuq il-Punent ta'
Giħon, fil-wied sad-dħul tal-Bieb tal-Ħut, u madwar l-Għofel, u għamlu għoli
ħafna. U qiegħed fizzjali tal-eżerċtu fl-ibliet kollha ffortifikati ta' Ġuda.

15U neħħa l-allat tal-barranin, u l-idolu mid-dar tal-Mulej, u l-artali kollha li kien
bena fuq il-muntanja ta' dar il-Mulej u f'Ġerusalemm, u rmiehom 'il barra mill-
belt.


© 2020 Malta Bible Society.

16 U raġa’ talla’ l-artal tal-Mulej, u offra fuqu s-sagrifiċċji tas-sliem u radd il-ħajr. U ordna lil Ġuda li jaqdu l-Mulej, Alla ta’ Iżrael.

17 U l-poplu baqa’ joffri s-sagrifiċċji fis-santwarji, iżda biss lill-Mulej, Alla tagħhom.

18 U l-bqija tal-ġrajja ta’ Manassi, u t-talba tiegħu lil Alla tiegħu, u l-kliem li qalulu l-veġġenti f’isem il-Mulej, Alla ta’ Iżrael, jinsabu fil-Ġrajja tas-Slaten ta’ Iżrael.

19 U t-talba tiegħu, u kif Alla semgħu, u dnubietu kollha u ħtijietu, il-postijiet fejn bena s-santwarji u waqqaf ix-xbihat tal-Asera u l-idoli qabel ma umilja ruħu, dan kollu miktub fil-Ġrajja ta’ Hożaj.

20 U Manassi strieħ ma’ missirijietu, u difnuh f’daru. U beda jsaltan floku Amon, ibnu.

### Is-saltna ta’ Amon

21 Amon kellu tnejn u għoxrin sena meta beda jsaltan, u saltan sentejn f’Ġerusalemm.

22 U għamel il-ħażin f’għajnejn il-Mulej, bħalma kien għamel Manassi missieru. U l-idoli kollha li kien għamel Manassi, missieru, Amon beda joffrilhom is-sagrifiċċji u jaqdihom;

23 u qatt ma umilja ruħu quddiem il-Mulej, bħalma kien umilja ruħu Manassi, missieru, imma hu, Amon, kompla jidneb kemm kien jiflaħ.

24 U l-qaddejja tiegħu kkonfoffaw kontrih, u qatluh f’daru.

25 Imma n-nies tal-pajjiż qatlu lil dawk kollha li kienu kkonfoffaw kontra s-sultan Amon; u għamlu sultan floku lil Ġosija, ibnu.

## 2 Kronaki 34

### Is-saltna ta’ Ġosija

1 Ġosija kellu tmien snin meta beda jsaltan, u saltan wieħed u tletin sena f’Ġerusalemm.

2 U għamel is-sewwa f’għajnejn il-Mulej, u mexa fit-triqat kollha ta’ David, missieru, u ma kisirx la lejn il-lemin u lanqas lejn ix-xellug.

3 Fit-tmien sena tas-saltna tiegħu, meta kien għadu żagħżugħ, beda jfittex lil Alla ta’ David, missieru, u fit-tnax-il sena beda jnaddaf l-art ta’ Ġuda u l-belt ta’ Ġerusalemm mis-santwarji u mix-xbihat tal-Asera, mix-xbihat minquxa, mill-idoli mdewba;

4 u kisser l-artali tal-Bagħlim minn quddiemu, u ġarraf l-artali tal-inċens li kien hemm fuqhom. U x-xbihat tal-Asera u x-xbihat minquxa, u l-idoli mdewba

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

farrakhom, saħaqhom u xerridhom fuq l-oqbra ta' dawk li kienu joffrulhom sagrifiċċji;

5u ħaraq l-għadam tal-qassisin fuq l-artali tagħhom stess, u hekk naddaf lil Ġuda
u lil Ġerusalemm.

6U fl-ibliet ta' Manassi u Efrajm u Simgħon sa Naftali u fl-inħawi ta' madwarhom,

7kisser l-artali u x-xbihat tal-Asera, u farrak ix-xbihat u għamilhom trab, u ħatt l-artali tal-inċens fl-art kollha ta' Iżrael; imbagħad raġa' lura Ġerusalemm.

### It-tiswija tat-tempju

8U fit-tmintax-il sena tas-saltna tiegħu, meta kien naddaf il-pajjiż u d-dar tal-Mulej, Ġosija bagħat lil Safan bin Asalija u 'l Magħxija, il-kmandant tal-belt, u 'l Ġowaħ bin Ġowaħas, il-kronista, biex isewwu d-dar tal-Mulej, Alla tiegħu.

9U huma marru għand Ħilkija, il-qassis il-kbir, u tawh il-flus li ġiebu fid-dar ta' Alla - li kienu ġabru l-Leviti, l-għassiesa tal-bieb, minn id Manassi u Efrajm, u mill-bqija ta' Iżrael, u minn Ġuda kollu, u Benjamin u min-nies li kienu jgħammru Ġerusalemm.

10U tawhom f'idejn is-suprentendenti fuq ix-xogħol fit-tempju tal-Mulej, u dawn kellhom jagħtuhom lill-ħaddiema li kienu jaħdmu f'dar il-Mulej, biex isewwu u jsaħħu t-tempju.

11Tawhom lill-mastrudaxxi u lill-bennejja biex jixtru l-ġebel maqtugħ u l-injam għat-travi u t-tisqif tal-kmamar, li s-slaten ta' Ġuda kienu ħallewhom ħerba.

12Dawn in-nies kienu jagħmlu x-xogħol sewwa, u fuqhom kellhom jieħdu ħsiebhom: Ġaħat, Għobadija, Leviti minn ulied Merari; Żakkarija u Mesullam, minn ulied Keħat, biex imexxu x-xogħol; u l-Leviti, li kienu mħarrġa fl-istrumenti tad-daqq,

13kienu mqegħdin fuq ir-reffiegħa tat-tagħbija, u kienu jmexxu l-ħaddiema kollha f'kull xorta ta' xogħol; u xi wħud mil-Leviti kienu kittieba, uffiċjali u purtinara.

14Huma u joħorġu l-flus li kienu ġiebu n-nies f'dar il-Mulej, Ħilkija, il-qassis, sab il-ktieb tal-liġi tal-Mulej mogħtija permezz ta' Mosè.

15U qabad Ħilkija u qal lil Safan, is-segretarju: "Sibt il-ktieb tal-Liġi f'dar il-Mulej." U Ħilkija ta l-ktieb lil Safan.

16U Safan ħa l-ktieb għand is-sultan, wassallu r-risposta, u qallu: "Kulma kien fdat f'idejn il-qaddejja tiegħek, huma għamluh.

17Il-flus li kienu jinsabu f'dar il-Mulej ġabruhom u tawhom f'idejn is-suprentendenti u f'idejn il-ħaddiema."


© 2020 Malta Bible Society.

18U mbagħad Safan is-segretarju, qallu wkoll: "Ħilkija, il-qassis, tani ktieb." U Safan qara minnu quddiem is-sultan.

19Malli sama' kliem il-Liġi s-sultan ċarrat ħwejġu.

20Imbagħad is-sultan ordna lil Ħilkija u lil Aħikam bin Safan, u 'l Għabdon bin Mikija, u 'l Safan is-segretarju, u lil Għaxajja, qaddej tas-sultan, u qalilhom:

21"Morru stħarrġu l-Mulej għalija u għall-fdal f'Iżrael u Ġuda dwar il-kliem li hawn f'dan il-ktieb li nstab, għax kbira hi l-korla tal-Mulej li waqgħet fuqna, għax ma semgħux missirijietna l-kelma tal-Mulej, biex jagħmlu kulma hu miktub f'dan il-ktieb."

22U mar Ħilkija u dawk li bagħat is-sultan għand Ħulda, il-profetissa, mart Sallum bin Tokat, bin Ħasra, li kien jieħu ħsieb l-ilbies; din kienet toqgħod Ġerusalemm fit-tieni kwartier, u qalulha b'dan;

23u hi weġbithom: "Dan jgħid il-Mulej, Alla ta' Iżrael: 'Għidu lil min bagħatkom għandi;

24dan jgħid il-Mulej: Arawni, se nġib il-ħsara fuq dan il-post u fuq kull min jgħammar fih is-saħtiet kollha miktuba fil-ktieb li qraw quddiem is-sultan ta' Ġuda.

25Għax huma telquni biex ħarqu l-inċens lil allat oħra, u inkurlawni b'kulma għamlu idejhom, u għalhekk tixgħel il-korla tiegħi u ma tintefiex.'

26U lis-sultan ta' Ġuda li bagħatkom tistħarrġu lill-Mulej dan tgħidulu: 'Dan jgħid il-Mulej Alla ta' Iżrael: Dwar il-kliem li int smajt:

27billi trattbet qalbek, u umiljajt ruħek quddiem Alla malli smajt bi kliemu dwar dan il-post, u dwar dawk li jgħammru fih, u umiljajt ruħek quddiemi u ċarratt ħwejġek u bkejt quddiemi, jien ukoll smajtek. Oraklu tal-Mulej.

28Arawni, għalhekk jien niġbrok ma' missirijietek u tinżel f'qabrek bis-sliem. U għajnejk ma jarawx il-ħsara, li se nġib fuq dan il-post, u fuq min jgħammar fih.' "
U wasslu dan il-kliem lis-sultan.

29Imbagħad is-sultan bagħat jiġbor ix-xjuħ kollha ta' Ġuda u ta' Ġerusalemm.

30U s-sultan tala' fit-tempju tal-Mulej, u miegħu n-nies kollha ta' Ġuda u dawk kollha li kienu jgħammru Ġerusalemm, u l-qassisin u l-Leviti, u l-poplu kollu, mill-kbir saż-żgħir; u b'mod li jisimgħuh qara l-kliem kollu tal-ktieb tal-patt, li nstab fit-tempju tal-Mulej.

31U s-sultan wieqaf fuq it-tribuna għamel patt quddiem il-Mulej li jimxi wara l-Mulej, u jħares il-kmandamenti, il-preċetti u l-liġijiet, b'qalbu kollha u b'ruħu kollha, biex iżomm il-kliem kollu tal-patt li hu miktub fuq dan il-ktieb.


© 2020 Malta Bible Society.

[32]U ġagħal joqgħod għal dan il-patt lil kull min kien jinsab f'Ġerusalemm u f'Benjamin. U n-nies ta' Ġerusalemm għamlu skont il-patt ta' Alla, Alla ta' missirijiethom.

[33]U Ġosija neħħa l-qżiżijiet kollha mill-artijiet kollha li kellhom ulied Iżrael, u ġagħal lil kull min kien jinsab f'Iżrael li jservi lill-Mulej, Alla tagħhom. Kemm dam ħaj hu ma warrbux mill-Mulej, Alla ta' missirijiethom.

## 2 Kronaki 35

### Il-festa tal-Għid

[1]U Ġosija għamel il-festa tal-Għid f'ġieħ il-Mulej f'Ġerusalemm; u qatlu l-ħaruf tal-Għid fl-erbatax tal-ewwel xahar.

[2]U l-qassisin qegħedhom f'posthom għas-servizz tagħhom, u għamlilhom il-qalb biex iservu fid-dar tal-Mulej.

[3]U l-Leviti, li kienu jgħallmu lil Iżrael kollu u kienu kkonsagrati lill-Mulej, qalilhom: "Qiegħdu l-arka mqaddsa fid-dar li bena Salamun, bin David, sultan ta' Iżrael. Ma ġġorruhiex aktar fuq spallejkom. Issa servu lill-Mulej Alla tagħkom, u l-poplu tiegħu Iżrael.

[4]Lestu ruħkom skont il-familji ta' djar missirijietkom, skont it-taqsimiet tagħkom, skont ma kiteb David, sultan ta' Iżrael, u l-kitba ta' Salamun, ibnu.

[5]Tqassmu fis-santwarju skont it-taqsim tad-djar ta' missirijiet ħutkom, ulied il-poplu, taqsima ta' dar il-missirijiet tal-Leviti għal kull taqsima;

[6]u oqtlu l-ħaruf tal-Għid, u tqaddsu intom u lestu għal ħutkom, ħalli jagħmlu skont il-kelma tal-Mulej permezz ta' Mosè."

[7]U Ġosija ta lil ulied il-poplu mill-imrieħel, ħrief u gidjien, kollha għall-vittma tal-Għid, għal kull min kien hemm, b'kollox tletin elf; u tlitt elef gendus minn ħwejjeġ is-sultan.

[8]U l-prinċpijiet tiegħu, minn rajhom, taw offerti lill-poplu, lill-qassisin u lil-Leviti. Ħilkija, Żakkarija u Ġeħijel, prinċpijiet fid-dar ta' Alla, lill-qassisin tawhom elfejn u sitt mitt ħaruf u gidi għall-vittma tal-Għid; u tliet mitt gendus.

[9]U Konanija, Semajja u Netanjel, ħutu, u Ħasabija, u Ġegħijel u Ġożabad, prinċpijiet tal-Leviti, lil-Leviti tawhom ħamest elef ħaruf u gidi għall-vittma tal-Għid, u ħames mitt gendus.

[10]Malli kien kollox lest għas-servizz, il-qassisin ħadu posthom u l-Leviti qagħdu fit-taqsimiet tagħhom skont l-ordni tas-sultan.

[11]U qatlu l-vittmi tal-Għid: il-qassisin raxxew id-demm li kienu jieħdu minn idejhom, u l-Leviti kienu jisolħu l-vittmi.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

12U warrbu l-vittmi għall-ħruq, biex iqassmuhom lil djar il-missirijiet ta' wlied
il-poplu, biex joffruhom lill-Mulej kif inhu miktub fil-ktieb ta' Mosè; u hekk
għamlu wkoll bil-gniedes.

13U huma xwew il-ħaruf tal-Għid bin-nar skont il-Liġi; imma l-offerti mqaddsa
għallewhom fil-borom, kaldaruni u twaġen u qassmuhom malajr lil ulied il-
poplu kollha.

14Imbagħad lestew għalihom stess u għall-qassisin; għax il-qassisin, ulied Aron,
baqgħu joffru s-sagrifiċċju tal-ħruq u x-xaħmijiet sa billejl; u l-Leviti lestew
għalihom stess u għall-qassisin, ulied Aron.

15Il-kantanti, ukoll, ulied Asaf, ħadu posthom skont l-ordni ta' David: Asaf,
Heman, u Ġedutun, il-veġġent tas-sultan; u l-purtinara qagħdu f'kull bieb. Hadd
minnhom ma warrab is-servizz tiegħu għax ħuthom il-Leviti ħasbu għalihom.

16Hekk qassmu s-servizz tal-Mulej dakinhar biex jagħmlu l-festa tal-Għid, u biex
joffru s-sagrifiċċji tal-ħruq fuq l-artal tal-Mulej, skont l-ordni tas-sultan Ġosija.

17Hekk għamlu wlied Iżrael il-festa tal-Għid f'dak iż-żmien u l-festa tal-ażżmi
għal sebat ijiem.

18Qatt ma saret f'Iżrael festa tal-Għid bħal dik sa minn żmien il-profeta Samwel;
u ebda wieħed mis-slaten ta' Iżrael qatt ma għamel festa tal-Għid bħal dik li
għamel Ġosija, il-qassisin u l-Leviti, u Ġuda u Iżrael kollu li kienu hemm u dawk
li kienu jgħammru Ġerusalemm.

19Dan l-Għid sar fis-sena tmintax tas-saltna ta' Ġosija.

### Il-mewt ta' Ġosija

20Wara dan kollu, meta Ġosija kien sewwa d-dar tal-Mulej, Neko, is-sultan tal-
Eġittu, tala' biex jitqabad f'Karkemis ħdejn l-Ewfrat, u Ġosija ħareġ iżommu.

21Imma dak bagħatlu messaġġiera jgħidulu: "X'hemm bejni u bejnek, sultan ta'
Ġuda? M'iniex ġej għalik illum, imma ġej kontra d-dar li magħha qiegħed
nagħmel gwerra, u Alla ordnali li ngħaġġel. Tiqafx lil Alla għax hu miegħi, li ma
jeqirdikx."

22U Ġosija ma dawwarx wiċċu minnu, imma għamel il-qalb biex jitqabad miegħu,
u ma tax widen għal dak li Neko qallu minn fomm Alla, u mar jitqabad miegħu
fil-wied ta' Megiddu.

23U l-arċieri ġibdu għal fuq is-sultan Ġosija, u s-sultan qal lill-qaddejja tiegħu:
"Huduni minn hawn għaliex midrub sewwa!"

24U l-qaddejja tiegħu ħaduh minn fuq il-karru, u għabbewh fuq karru ieħor minn
tiegħu, u ġabuh Ġerusalemm; u miet u difnuh fl-oqbra ta' missirijietu, u Ġuda
kollu u Ġerusalemm għamlu l-vistu għal Ġosija.


© 2020 Malta Bible Society.

25Ġeremija wkoll kiteb għanja ta' lamentazzjoni għal Ġosija; u l-kantanti kollha, nisa u rġiel, baqgħu sal-lum isemmu lil Ġosija fil-lamentazzjonijiet tagħhom u ħaduha drawwa f'Iżrael; u dawn jinsabu miktuba fil-ktieb tal-lamentazzjonijiet.

26U l-bqija tal-ġrajja ta' Ġosija u l-opri tajba tiegħu skont ma hemm miktub fil-Liġi tal-Mulej;

27il-ġrajja tiegħu, mill-bidu sal-aħħar, huma miktubin fi Ktieb is-Slaten ta' Iżrael u Ġuda.

## 2 Kronaki 36

### Is-saltna ta' Ġeħowaħaż

1U l-poplu tal-pajjiż ħadu lil Ġeħowaħaż bin Ġosija u għamluh sultan flok missieru f'Ġerusalemm.

2Ġeħowaħaż kellu tlieta u għoxrin sena meta beda jsaltan, u baqa' jsaltan tliet xhur f'Ġerusalemm.

3Imbagħad is-sultan tal-Eġittu neħħieh mis-saltna f'Ġerusalemm, u għabba 'l pajjiż bil-piż ta' mitt talent tal-fidda u talent tad-deheb.

4U s-sultan tal-Eġittu għamel minn floku lil ħuh Elijakim, sultan fuq Ġuda u Ġerusalemm, u biddillu ismu f'Ġeħojakim. U lil ħuh Ġeħowaħaż, Neko qabdu u ħadu l-Eġittu.

### Is-saltna ta' Ġeħojakim

5Ġeħojakim kellu ħamsa u għoxrin sena meta beda jsaltan, u dam isaltan ħdax-il sena f'Ġerusalemm. U għamel il-ħażin f'għajnejn il-Mulej, Alla tiegħu.

6U tala' għalih Nabukodonosor, sultan tal-Babilonja, u rabtu bil-ktajjen tal-bronż biex jieħdu f'Babilonja.

7U Nabukodonosor ħa mit-tagħmir ta' dar il-Mulej, u qiegħdu fit-tempju tiegħu f'Babilonja.

8U l-bqija tal-ġrajja ta' Ġeħojakim, u l-qżiżijiet li għamel u dak li ġralu, huma miktuba fi Ktieb is-Slaten ta' Iżrael u Ġuda. U beda jsaltan minfloku Ġeħojakin ibnu.

### Is-saltna ta' Ġeħojakin

9Ġeħojakin kellu tmien snin meta beda jsaltan, u dam isaltan tliet xhur u għaxart ijiem f'Ġerusalemm, u għamel il-ħażin f'għajnejn il-Mulej.

10Fil-bidu tas-sena s-sultan Nabukodonosor bagħat iġibu f'Babilonja, lilu u t-tagħmir prezzjuż tad-dar ta' Alla, u qiegħed sultan floku lil ħuh Sedekija fuq Ġuda u Ġerusalemm.

### Is-saltna ta' Sedekija


© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

11 Sedekija kellu wieħed u għoxrin sena meta beda jsaltan u dam ħdax-il sena jsaltan f'Ġerusalemm.

12 U għamel il-ħażin f'għajnejn il-Mulej, Alla tiegħu. U ma umiljax ruħu quddiem Ġeremija l-profeta li kien jitkellem minn fomm Alla.

13 U qam ukoll kontra Nabukodonosor, li kien ġagħlu jaħlef b'Alla, u rafa' rasu; u webbes qalbu biex ma jerġax lura għal għand il-Mulej, Alla ta' Iżrael.

14 Il-kbarat kollha tal-qassisin u l-poplu komplew jidinbu u jagħmlu l-qżiżijiet kollha tal-ġnus, u niġġsu t-tempju tal-Mulej li hu kien qaddes f'Ġerusalemm.

15 U billi ġietu ħasra mill-poplu tiegħu u mill-għamara tiegħu, il-Mulej, Alla ta' missirijiethom, kien ta' sikwit jibgħat iwiddibhom bil-messaġġiera tiegħu.

16 Iżda huma kienu jiddieħku bil-mibgħutin tiegħu, imaqdru kliemu, u jkasbru l-profeti tiegħu, sa ma saħnet il-korla tal-Mulej għall-poplu tiegħu, hekk li ma setgħux jeħilsuha aktar.

### Il-waqgħa ta' Ġerusalemm u l-eżilju (587QK)

17 U l-Mulej talla' għalihom is-sultan tal-Kaldin; u dan qatlilhom l-aħjar irġiel tagħhom bix-xabla fid-dar tas-santwarju tagħhom; ma kellux ħniena la miż-żagħżugħ, la mix-xebba, la mix-xwejjaħ, u lanqas mix-xiħ, ilkoll erħiehom f'idejh;

18 u t-tagħmir kollu tat-tempju ta' Alla, kbir u żgħir, u t-teżori tad-dar tal-Mulej u t-teżori tas-sultan u tal-prinċpijiet, ħadhom kollha f'Babilonja.

19 U ħarqulhom it-tempju ta' Alla, ġarrfu s-swar ta' Ġerusalemm, taw in-nar lill-palazzi kollha tagħha, u hekk qerdulha kulma kellha prezzjuż.

20 U dawk li ħelsu mill-qerda tax-xabla, Nabukodonosor eżiljahom lejn il-Babilonja, u baqgħu suġġetti għalih u għal uliedu, sa ma ġew jaħkmu fuqhom il-Persjani.

21 Hekk seħħ dak li qal Alla b'fomm Ġeremija: "Sakemm tgawdi l-art il-mistrieħ ta' Sibtijietha, ma tinħadimx l-art iż-żmien kollu tal-ħerba tagħha, sa ma jgħaddu sebgħin sena."

### Il-ħelsien (538 QK)

22 Fl-ewwel sena ta' Ċiru, sultan tal-Persja, biex isseħħ il-kelma tal-Mulej li kienet intqalet b'fomm Ġeremija, il-Mulej qanqal lil Ċiru, sultan tal-Persja, u dan xandar proklama fis-saltna tiegħu kollha, saħansitra bil-miktub, li kienet tgħid:

23 "Dan jgħid Ċiru sultan tal-Persja: 'Il-Mulej, Alla tas-sema, tani f'idejja s-saltniet kollha tal-art, u hu qabbadni nibnilu tempju f'Ġerusalemm, li hi f'Ġuda. Kull min minnkom hu mill-poplu tiegħu, ħa jkun il-Mulej miegħu, u jitla'."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

# Esdra

## Esdra 1

### L-eżiljati jerġgħu lura

1Fl-ewwel sena ta' Ċiru, sultan tal-Persja, biex iseħħ dak li kien qal il-Mulej minn
fomm Ġeremija, il-Mulej qanqal lil Ċiru, sultan tal-Persja, biex joħroġ proklama
fis-saltna tiegħu kollha, saħansitra bil-miktub, li tgħid:

2"Hekk jgħid Ċiru s-sultan tal-Persja: 'Il-Mulej, Alla tas-smewwiet, tani s-saltniet
kollha tal-art, u qabbadni nibnilu tempju f'Ġerusalemm, belt ta' Ġuda.

3Kull min hemm fostkom mill-poplu kollu tiegħu, ħa jkun miegħu Alla tiegħu! Ħa
jitla' Ġerusalemm, belt ta' Ġuda, u jibni t-tempju tal-Mulej, Alla ta' Iżrael. Hu Alla
li qiegħed Ġerusalemm.

4U kull min fadal mill-poplu tiegħu, qiegħed fejn qiegħed, ħa jgħinuh in-nies tal-
post b'fidda, deheb, ġid, bhejjem, u offerti oħra minn rajhom lit-tempju ta' Alla,
li hemm f'Ġerusalemm."

5Il-kapijiet ta' djar missirijiethom ta' Ġuda u ta' Benjamin, il-qassisin u l-Leviti, u
dawk kollha li Alla qanqalhom, qamu għalhekk biex jitilgħu Ġerusalemm ħa
jibnu t-tempju tal-Mulej hemmhekk.

6Barra kull xorta ta' offerti li għamlu minn rajhom, dawk kollha li kienu
joqogħdu madwarhom tawhom ukoll kull xorta ta' offerti ta' fidda u deheb, ġid
u bhejjem, u offerti ta' valur kbir.

7U s-sultan Ċiru ħareġ l-oġġetti tat-tempju tal-Mulej li Nabukodonosor kien ġieb
minn Ġerusalemm biex qegħedhom fit-tempju tal-allat tiegħu.

8Hariġhom Ċiru, sultan tal-Persja, permezz ta' Mitredat, it-teżorier, u dan
għaddhom quddiem Sesbassar, il-prinċep ta' Ġuda.

9Din hi l-lista tagħhom: tletin bieqja tad-deheb, elf bieqja tal-fidda, disgħa u
għoxrin ċensier,

10tletin reċipjent tad-deheb, erba' mija u għaxar reċipjenti tal-fidda ta' xorta
oħra, elf reċipjent ieħor.

11Ir-reċipjenti tad-deheb u tal-fidda kienu ħamest elef u erba' mija. Sesbassar ħa
miegħu dan kollu meta talla' lill-eżiljati minn Babilonja lejn Ġerusalemm.

## Esdra 2

### Il-lista tal-eżiljati li reġgħu lura


© 2020 Malta Bible Society.

[1]Dawn huma n-nies tal-provinċja li telgħu mill-jasar tal-eżilju. Nabukodonosor,
sultan ta' Babilonja, kien eżiljahom fil-Babilonja; huma reġgħu lura Ġerusalemm
u Ġuda, kulħadd lejn il-belt tiegħu.

[2]Dawn ġew ma' Żerubbabel, Ġożwè, Neħemija, Xeraja, Regħlaja, Mordekaj,
Bilsan, Misfar, Bigwaj, Reħum, u Bagħana. L-għadd tan-nies ta' Iżrael li reġgħu
lura kien hekk:

[3]Ulied Pargħos kienu elfejn, mija u tnejn u sebgħin;

[4]ulied Sefatija, tliet mija u tnejn u sebgħin;

[5]ulied Araħ, seba' mija u ħamsa u sebgħin;

[6]ulied Paħat-mowab, jiġifieri ulied Ġożwè u Ġowab, elfejn, tmien mija u tnax;

[7]ulied Għalam, elf, mitejn u erbgħa u ħamsin;

[8]ulied Żattu, disa' mija u ħamsa u erbgħin;

[9]ulied Żakkaj, seba' mija u sittin;

[10]ulied Bani, sitt mija u tnejn u erbgħin;

[11]ulied Bebaj, sitt mija u tlieta u għoxrin;

[12]ulied Għażgad, elf, mitejn u tnejn u għoxrin;

[13]ulied Adonikam sitt mija u sitta u sittin;

[14]ulied Bigwaj, elfejn, sitta u ħamsin;

[15]ulied Għadin, erba' mija u erbgħa u ħamsin;

[16]ulied Ater, jiġifieri ulied Ħeżekija, tmienja u disgħin;

[17]ulied Besaj, tliet mija u tlieta u għoxrin;

[18]ulied Ġoraħ, mija u tnax;

[19]ulied Ħasum, mitejn u tlieta u għoxrin;

[20]ulied Gibbar, ħamsa u disgħin;

[21]ulied Betlehem kienu mija u tlieta u għoxrin;

[22]in-nies ta' Netufa, sitta u ħamsin,

[23]in-nies ta' Għanatot, mija u tmienja u għoxrin;

[24]ulied Bet-għażmawet, tnejn u erbgħin;

[25]ulied Kirjat-ġegħarim, Kefira u Birot, seba' mija u tlieta u erbgħin;

[26]ulied Rama u Geba, sitt mija u wieħed u għoxrin;


© 2020 Malta Bible Society.

27in-nies ta' Mikmas, mija u tnejn u għoxrin,

28in-nies ta' Betel u Għaj, mitejn u tlieta u għoxrin;

29ulied Nebu kienu tnejn u ħamsin;

30ulied Magbis, mija u sitta u ħamsin;

31ulied Għelam l-ieħor, elf, mitejn u erbgħa u ħamsin;

32ulied Harim, tliet mija u għoxrin;

33ulied Lod, Hadid u Onu, seba' mija u ħamsa u għoxrin;

34ulied Ġeriko, tliet mija u ħamsa u erbgħin;

35ulied Sena kienu tlitt elef, sitt mija u tletin.

36Il-qassisin: ulied Ġedajja, mid-dar ta' Ġożwè, kienu disa' mija u tlieta u sebgħin;

37ulied Immer, elf u tnejn u ħamsin;

38ulied Pashur, elf, mitejn u sebgħa u erbgħin;

39ulied Harim, elf u sbatax.

40Il-Leviti: ulied Ġożwè u Kadmijel, ulied Hodawija, kienu erbgħa u sebgħin.

41Il-kantanti: ulied Asaf kienu mija u tmienja u għoxrin.

42Il-purtinara tat-tempju: ulied Sallum, ulied Ater, ulied Talmon, ulied Għakkub,
ulied Hatita, ulied Sobaj, ilkoll flimkien kienu jgħoddu mija u disgħa u tletin.

43L-ilsiera tat-tempju: ulied Siħa, ulied Haxufa, ulied Tabgħot,

44ulied Keros, ulied Sigħaħa, ulied Padon,

45ulied Lebana, ulied Hagaba, ulied Għakkub,

46ulied Hagab, ulied Salmaj, ulied Hanan,

47ulied Giddel, ulied Gaħar, ulied Raja,

48ulied Resin, ulied Nekoda, ulied Ġażżim,

49ulied Għużża, ulied Paseħa, ulied Besaj,

50ulied Asna, ulied Megħunim, ulied Nefusin,

51ulied Bakbuk, ulied Hakufa, ulied Harħur,

52ulied Baslut, ulied Meħida, ulied Harsa,

53ulied Barkos, ulied Sisera, ulied Tamaħ,

54ulied Nesijaħ, ulied Hatifa.


© 2020 Malta Bible Society.

55Ulied il-qaddejja ta' Salamun: ulied Sotaj, ulied Hassoferet, ulied Peruda,

56ulied Ġagħala, ulied Darkon, ulied Giddel;

57ulied Sefatija, ulied Hattil, ulied Pokret-ħasbajim, ulied Ami.

58L-ilsiera tat-tempju u wlied il-qaddejja ta' Salamun ilkoll flimkien kienu jġibu tliet mija u tnejn u disgħin.

59Kien hemm dawk li telgħu minn Tel-melaħ, Tel-ħarsa, Kerub, Addan, u Immer, mingħajr ma setgħu jgħidu liema kienet dar missierhom u x'kien in-nisel tagħhom, jekk kinux minn Iżrael jew le.

60Dawn kienu: ulied Delaja, ulied Tobija, u wlied Nekoda, b'kollox sitt mija u tnejn u ħamsin.

61Minn ulied il-qassisin kien hemm ulied Habajja, ulied Hakkos, ulied Barżillaj, li kien ħa b'martu waħda mill-bniet ta' Barżillaj il-Gilgħadi, u beda jissejjaħ b'isimhom.

62Dawn fittxew isimhom fir-reġistri tal-arblu tar-razza, imma ma sabuhx; għalhekk ġew imneħħija minn mal-qassisin għax imniġġsa.

63U l-gvernatur qalilhom biex ma jiklux mill-ikel qaddis sa ma jkun hemm qassis li jikkonsulta lil Alla bl-Urim u t-Tummim.

64Il-ġemgħa kollha f'daqqa kienet ta' tnejn u erbgħin elf, tliet mija u sittin ruħ.

65Dawn barra l-qaddejja tagħhom, irġiel u nisa, li kienu sebat elef, tliet mija u sebgħa u tletin, u barra l-kantanti tagħhom, irġiel u nisa, li kienu mitejn.

66Iż-żwiemel tagħhom kienu jgħoddu seba' mija u sitta u tletin; il-bgħula tagħhom, mitejn u ħamsa u erbgħin;

67l-iġmla tagħhom, erba' mija u ħamsa u tletin; u l-ħmir tagħhom sitt elef, seba' mija u għoxrin.

68U meta xi wħud mill-kapijiet tal-familji waslu ħdejn it-tempju tal-Mulej f'Ġerusalemm, minn rajhom għamlu offerti lit-tempju ta' Alla ħalli jerġa' jitla' fil-post fejn kien qabel.

69Skont ma kienu jistgħu, taw lit-teżor li kienu qegħdin jiġbru għall-bini, wieħed u sittin elf darik tad-deheb, ħamest elef mina tal-fidda, u mitt libsa tal-qassisin.

70U l-qassisin, il-Leviti u biċċa mill-poplu, qagħdu Ġerusalemm, imma l-kantanti, il-purtinara tat-tempju, u l-ilsiera tat-tempju, marru joqogħdu fl-ibliet tagħhom. L-Iżraelin kollha marru joqogħdu fl-ibliet tagħhom.

## Esdra 3

### Jerġa' jibda l-kult


© 2020 Malta Bible Society.

1Ulied Iżrael kienu fl-ibliet tagħhom, imma meta wasal is-seba' xahar iltaqgħu lkoll Ġerusalemm,

2u qamu Ġożwè bin Ġosadak u ħutu l-qassisin, u Żerubbabel bin Sijaltijel u ħutu, u bnew l-artal ta' Alla ta' Iżrael biex joffru fuqu sagrifiċċji tal-ħruq skont kif hemm miktub fil-liġi ta' Mosè, il-bniedem ta' Alla.

3Għalkemm kienu jibżgħu mill-ġnus tal-artijiet ta' madwarhom, waqqfu l-artal fuq is-sisien li kellu qabel, u offrew fuqu bhejjem għall-ħruq b'sagrifiċċju lill-Mulej filgħodu u filgħaxija.

4U għamlu l-festa tal-Għerejjex skont kif inhu miktub. Minn jum għal ieħor, kienu jaħarqu bhejjem sħaħ b'sagrifiċċju; l-għadd tas-sagrifiċċji kien dak preskritt għal kull jum mil-Liġi.

5Wara dan offrew sagrifiċċji ma jaqtgħu xejn, sagrifiċċji ta' nhar il-qamar ġdid u sagrifiċċji taż-żminijiet qaddisa tal-Mulej. Kien hemm ukoll min, minn rajh, offra sagrifiċċju lill-Mulej.

6Mill-ewwel jum tas-seba' xahar bdew joffru bhejjem għall-ħruq b'sagrifiċċju lill-Mulej, imma s-sisien tat-tempju kienu għadhom ma tqegħdux.

### Il-bini tat-tempju (535 QK)

7Imbagħad taw il-flus lill-bennejja u lill-mastrudaxxi. Taw ukoll ikel, xorb u żejt lin-nies ta' Tir u Sidon, biex iġibu bil-baħar injam taċ-ċedru mil-Libanu sa Ġaffa skont il-permess li kien tahom Ċiru, sultan tal-Persja.

8Fit-tieni xahar tat-tieni sena minn mindu kienu ġew f'dar Alla f'Ġerusalemm, Żerubbabel bin Sijaltijel, Ġożwè bin Ġosadak, il-bqija ta' ħuthom il-qassisin, il-Leviti, u dawk kollha li kienu ġew Ġerusalemm mill-eżilju, bdew ix-xogħol, u qabbdu l-Leviti minn għoxrin sena 'l fuq biex jieħdu ħsieb ix-xogħol fuq it-tempju tal-Mulej.

9U qamu flimkien Ġożwè u wliedu u ħutu, Kadmijel u wliedu, ulied Ġuda, ulied Ħenadad u wliedhom u ħuthom il-Leviti, biex imexxu l-ħaddiema fil-bini tat-tempju ta' Alla.

10Meta l-bennejja qiegħdu s-sisien tat-tempju tal-Mulej, il-qassisin, libsin l-ilbies sagru, resqu bit-trombi, u l-Leviti, ulied Asaf, resqu biċ-ċimbali, biex ifaħħru lill-Mulej skont l-ordnijiet ta' David, sultan ta' Iżrael.

11U kantaw għanjiet ta' tifħir u ta' radd il-ħajr lill-Mulej "għax hu tajjeb, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu" għal Iżrael. U l-poplu kollu għajjat għajta kbira ta' tifħir lill-Mulej, għax kienu tqiegħdu s-sisien tat-tempju tal-Mulej.

12Ħafna mill-qassisin, mil-Leviti, u mill-kapijiet tad-djar ta' missirijiethom u x-xjuħ, li kienu raw it-tempju li kien hemm qabel, bkew b'leħen għoli meta


© 2020 Malta Bible Society.

tqiegħdu s-sisien il-ġodda tat-tempju tal-Mulej; imma ħafna oħrajn għajtu għajjat kbir ta' ferħ.

13Għalhekk ħadd ma sata' jagħraf l-għajjat ta' ferħ mill-għajjat ta' biki tal-poplu; il-poplu kien qiegħed jgħajjat għajjat kbir, u leħnu kien jinstama' mill-bogħod.

## Esdra 4

### Is-Samaritani jfixklu l-bini tat-tempju

1Mela semgħu l-għedewwa ta' Ġuda u Benjamin li dawk li ġew mill-eżilju kienu qed jibnu tempju lill-Mulej, Alla ta' Iżrael;

2u resqu fuq Żerubbabel u l-kapijiet tad-djar ta' missirijiethom u qalulhom: "Ħa nibnu magħkom it-tempju tal-Mulej, għax aħna wkoll inqimu lil Alla tagħkom, imma għadna ma offrejna l-ebda sagrifiċċju minn mindu Esarħaddun, sultan tal-Assirja, ġiebna hawnhekk."

3U weġbuhom Żerubbabel, Ġożwè u l-bqija tal-kapijiet tad-djar ta' missirijiethom ta' Iżrael: "Mhux sewwa li aħna u intom nibnu flimkien it-tempju ta' Alla tagħna. Aħna t-tempju lill-Mulej, Alla ta' Iżrael, nibnuh weħidna, għax hekk ordnalna Ċiru, is-sultan tal-Persja."

4Imbagħad in-nies tal-art bdew jaqtgħu qalb in-nies ta' Ġuda u jissikkawhom biex ma jkomplux jibnu t-tempju.

5U krew xi nies kontrihom biex bil-parir tagħhom iġibu fix-xejn il-pjan tan-nies ta' Ġuda. Dan dam sejjer minn żmien Ċiru, sultan tal-Persja, sa żmien Darju, sultan tal-Persja.

6Meta kien isaltan Assweru, sewwasew fil-bidu tas-saltna tiegħu, kitbu lis-sultan biex jixlu lin-nies ta' Ġuda u Ġerusalemm.

7Fi żmien Artasersi, imbagħad, Bislam, Mitredat, Tabel, u l-bqija ta' sħabhom, kitbu ittra lis-sultan tal-Persja; din l-ittra kienet miktuba bl-Aramajk u mfissra mill-Aramajk.

8Reħum, il-kmandant, u Simsaj, is-segretarju, kitbu ittra kontra Ġerusalemm lil Artasersi, is-sultan.

9L-ittra mbagħad intbagħtet minn Reħum, il-kmandant, Simsaj, is-segretarju, u l-bqija ta' sħabhom: l-imħallfin, il-gvernaturi, l-uffiċjali, il-Persjani, in-nies ta' Uruk u ta' Babilonja, in-nies ta' Susa, jiġifieri l-Għelamin,

10il-bqija tal-ġnus li kien ġieb il-kbir u nobbli Osnaffar, u qegħedhom fl-ibliet tas-Samarija, u fil-bqija tal-ibliet in-naħa l-oħra tal-Ewfrat.

11Din hija l-kopja tal-ittra li bagħtu: "Lil Artasersi, is-sultan: mill-qaddejja tiegħek, in-nies li joqogħdu n-naħa l-oħra tal-Ewfrat.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

12 “Is-sultan għandu jkun jaf li l-Lhud, li telgħu minn ħdejk biex jiġu Ġerusalemm, reġgħu qegħdin jibnu din il-belt mill-agħar li qatt ma toqgħod għal ħadd. Dalwaqt jispiċċaw jibnu l-ħitan, u qegħdin isewwu s-sisien tagħha.

13 Is-sultan għandu jkun jaf ukoll li, jekk din il-belt terġa' tinbena u jilħaq jispiċċa x-xogħol fuq il-ħitan tagħha, ma jħallsux iktar tribut, taxxa, u ħaraġ, u dan jagħmel ħsara għat-teżor tas-sultan.

14 Billi aħna nieklu mill-ikel tal-palazz, mhux sewwa li aħna noqogħdu naraw unur is-sultan imżeblaħ; għalhekk qegħdin nibagħtu ngħarrfu lis-sultan b'kollox.

15 Ha jsir tiftix, mela, fil-kotba fejn missirijietek kienu jżommu t-tifkiriet tagħhom. Hemmhekk għandek issib li din il-belt ma toqgħod għal ħadd, iżżeblaħ is-slaten u l-provinċji, u minn żminijiet tal-qedem kien hemm dejjem min ixewwex fiha. Għalhekk din il-belt kienu qerduha.

16 Aħna rridu ngħarrfu lis-sultan li, jekk din il-belt terġa' tinbena u jilħaq jispiċċa x-xogħol fuq il-ħitan tagħha, l-artijiet li hemm in-naħa l-oħra tal-Ewfrat ma jibqgħux tiegħek.”

17 U s-sultan bagħat din it-tweġiba: “Lil Reħum, il-kmandant, lil Simsaj, is-segretarju, lill-bqija ta' sħabhom li joqogħdu s-Samarija, u lill-bqija ta' dawk li joqogħdu n-naħa l-oħra tal-Ewfrat: is-sliem!

18 “L-ittra li bgħattulna nqrat u tfissritli quddiemi.

19 Imbagħad jien tajt ordni, u sar tiftix u nstab li din il-belt minn dejjem qamet kontra s-slaten, u kien hemm rewwixti u tixwix fiha.

20 U kien hemm slaten setgħana f'Ġerusalemm li kienu jaħkmu wkoll fuq l-inħawi kollha tan-naħa l-oħra tal-Ewfrat; kienu jiġbru wkoll taxxa, tribut, u ħaraġ.

21 Oħroġ għalhekk digriet biex twaqqaf lil dawn in-nies. Din il-belt m'għandhiex terġa' tinbena sa ma noħroġ digriet ieħor.

22 Oqgħod attent li ma tonqosx li tagħmel dan. Għaliex għandu jibqa' jikber id-deni, u jkun imżeblaħ is-sultan?”

23 Kif il-kopja tal-ittra tas-sultan Artasersi nqrat lil Reħum, il-kmandant, lil Simsaj, is-segretarju, u lill-bqija ta' sħabhom, dawn telqu jgħaġġlu għal għand il-Lhud ta' Ġerusalemm u bis-saħħa u l-forza waqqfuhom mix-xogħol li kienu qegħdin jagħmlu.

24 Hekk waqaf ix-xogħol tal-bini tat-tempju ta' Alla f' Ġerusalemm, u dam wieqaf sat-tieni sena tas-saltna ta' Darju, sultan tal-Persja.

## Esdra 5

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

### Il-bini tat-tempju (520-515 QK)

1 Harġu mbagħad il-profeta Haggaj u l-profeta Żakkarija bin Għiddu jħabbru kontra l-Lhud li kien hemm f'Ġuda u f'Ġerusalemm f'isem Alla ta' Iżrael, li kien magħhom.

2 U meta Żerubbabel bin Sijaltijel u Ġożwè bin Ġosadak qabdu jibnu t-tempju ta' Alla f'Ġerusalemm, il-profeti ta' Alla kienu magħhom jagħmlulhom il-qalb.

3 F'dak iż-żmien ġew għandhom Tattenaj, il-gvernatur tal-inħawi n-naħa l-oħra tal-Ewfrat, Setar-bożnaj, u sħabhom, u staqsewhom: "Min takom il-permess tibnu dan il-tempju u ttellgħu dan il-bini?"

4 U staqsewhom ukoll: "X'jisimhom dawk in-nies li qed itellgħu dan il-bini?"

5 Imma Alla tagħhom kien b'għajnejh fuq il-kapijiet tal-Lhud. U ħadd ma sata' jwaqqafhom qabel ma ntbagħat rapport lil Darju u mbagħad waslet it-tweġiba mingħandu fuq din il-kwistjoni.

6 Din hi l-kopja ta' ittra li Tattenaj, gvernatur tal-inħawi tan-naħa l-oħra tal-Ewfrat, Setar-bożnaj, u sħabhom l-uffiċjali tan-naħa l-oħra tal-Ewfrat, bagħtu lis-sultan Darju.

7 Bagħtulu ittra, fejn kitbulu hekk: "Lil Darju s-sultan: Kull sliem!

8 Is-sultan għandu jkun jaf li aħna morna fil-provinċja tal-Lhudija, fit-tempju ta' Alla l-kbir. Dan qiegħed jinbena b'ġebel kbir, u qiegħed jitqiegħed injam mal-ħitan tiegħu. Dan ix-xogħol qegħdin jagħmluh b'reqqa kbira, u dawk li qed jagħmluh qegħdin imexxuh 'il quddiem sewwa.

9 Aħna kellimna lill-kapijiet, u staqsejniehom, 'Min takom il-permess tibnu dan it-tempju u ttellgħu dan il-bini?'

10 Tlabniehom ukoll l-ismijiet ta' dawk responsabbli biex nibagħtu ngħarrfuk; ridna niktbu l-ismijiet ta' dawk li qegħdin imexxu kollox.

11 "U huma weġbuna b'dan il-kliem: 'Aħna l-qaddejja ta' Alla tas-sema u l-art, u qegħdin nibnu t-tempju li kien diġà mibni minn żmien ilu ħafna; kien sultan kbir ta' Iżrael li bnieh u lestieh.

12 Imma missirijietna inkurlaw lil Alla tas-smewwiet u hu tahom f'idejn Nabukodonosor, il-Kaldew, sultan tal-Babilonja li kien qered it-tempju u ħa l-poplu fl-eżilju.

13 Imma fl-ewwel sena ta' Ċiru, sultan tal-Babilonja, dan ħareġ digriet biex nerġgħu nibnu dan it-tempju ta' Alla.

14 Saħansitra l-oġġetti tad-deheb u tal-fidda tat-tempju ta' Alla li Nabukodonosor kien ħareġ mit-tempju ta' Ġerusalemm biex ħadhom fit-tempju tal-Babilonja;

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

dawn is-sultan Ċiru ħariġhom mit-tempju tal-Babilonja, u tahom lil wieħed
jismu Sesbassar, li kien ħatru gvernatur.

15U qallu: 'Ħu dawn l-oġġetti; itlaq u ħudhom miegħek għat-tempju ta'
Ġerusalemm, u t-tempju ta' Alla għandu jinbena fil-post fejn kien qabel.'

16Dan Sesbassar ġie, u qiegħed is-sisien tat-tempju ta' Alla f'Ġerusalemm, u
ilhom minn dakinhar jibnuh, imma għadhom ma lestewhx.

17U issa, jekk is-sultan jogħġbu, ħa jsir tiftix fl-arkivji li s-sultan għandu
hemmhekk, fil-Babilonja, biex naraw jekk hemmx xi proklama li kien ħareġ is-
sultan Ċiru biex jinbena dan it-tempju ta' Alla f'Ġerusalemm. Jekk jogħġbu,
imbagħad, is-sultan jibgħat jgħarrafna fuq din il-kwistjoni."

## Esdra 6

1Imbagħad, fuq ordni tas-sultan Darju, fittxew fl-arkivji fejn jintrefgħu d-
dokumenti fil-Babilonja.

2U sabu romblu f'Ekbatana, il-fortizza li hemm fil-provinċja tal-Medi; fih kien
hemm miktub hekk: "B'tifkira

3"Fl-ewwel sena tas-saltna tiegħu s-sultan Ċiru ħareġ proklama fuq it-tempju ta'
Alla f'Ġerusalemm: 'It-tempju għandu jerġa' jinbena bħala post fejn isiru
sagrifiċċji u jinġiebu vittmi għall-ħruq. L-għoli tiegħu jkun sittin driegħ u l-wisa'
sittin driegħ

4bi tliet filati ġebel kbir u filata injam. L-ispejjeż tiegħu jitħallsu mit-teżor tas-
sultan.

5Barra minn hekk, jingħataw lura l-oġġetti tad-deheb u tal-fidda tat-tempju ta'
Alla li Nabukodonosor kien ħareġ mit-tempju ta' Ġerusalemm u ġarr miegħu lejn
Babilonja. Dawn jittieħdu fit-tempju ta' Ġerusalemm, u kull oġġett jitqiegħed
lura f'postu. Għandkom tqiegħdu kollox fit-tempju ta' Alla.'

6"Issa int, Tattenaj, gvernatur tal-inħawi tan-naħa l-oħra tal-Ewfrat, int, Setar-
bożnaj, u sħabkom l-uffiċjali tal-inħawi tan-naħa l-oħra tal-Ewfrat: żommu
ruħkom 'il bogħod minn hemm.

7Ħallu x-xogħol fuq dan it-tempju ta' Alla jibqa' miexi; ħallu l-gvernatur u l-
kapijiet tal-Lhud jibnu dan it-tempju ta' Alla fil-post li kellu qabel.

8U nordna b'digriet: Dan hu li għandkom tagħmlu għall-kapijiet tal-Lhud għall-
bini ta' dan it-tempju ta' Alla: l-ispejjeż għandhom jitħallsu lil dawn in-nies bla
waqfien mit-taxxi tan-naħa l-oħra tal-Ewfrat, li huma proprjetà tas-sultan.

9U dak kollu li hu meħtieġ għas-sagrifiċċji lil Alla tas-smewwiet - għoġiela,
imtaten, ħrief, qamħ, melħ, inbid, u żejt - għandu jibqa' jingħata lilhom bla
waqfien minn jum għal ieħor skont ma jitolbu l-qassisin ta' Ġerusalemm.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

10Hekk, dawn joffru sagrifiċċji li jogħġbu lil Alla tas-smewwiet, u jitolbu għas-sultan, u għal uliedu biex Alla jagħtihom ħajja twila.

11U nordna wkoll b'digriet li, jekk xi ħadd ibiddel din l-ordni għandhom idendluh ma' arblu li jkunu qalgħu mid-dar tiegħu stess u jagħmlu miżbla minn daru.

12Jalla dak Alla li għażel dak il-post biex ismu jgħammar fih, jeqred lil kull sultan jew poplu li jerfa' idejh u jbiddel jew jeqred dan it-tempju ta' Alla f'Ġerusalemm. Jien, Darju, nordna dan b'digriet. Ħa jkun obdut kollu kemm hu."

13Imbagħad Tattenaj, il-gvernatur tal-inħawi tan-naħa l-oħra tal-Ewfrat, Setar-bożnaj, u sħabhom, għamlu kulma kien bagħat jgħidilhom is-sultan Darju.

14Il-kapijiet tal-Lhud komplew jibnu u jmexxu x-xogħol 'il quddiem imħeġġin mill-profeta Ħaggaj u mill-profeta Żakkarija bin Għiddu. U lestew il-bini kif ordnalhom Alla ta' Iżrael, u kif kienu ordnawlhom Ċiru, u Darju, u Artasersi, slaten tal-Persja.

15Dan it-tempju lestewh fit-tlieta tax-xahar ta' Adar, fis-sitt sena tas-saltna tas-sultan Darju.

16U wlied Iżrael, il-qassisin, il-Leviti, u l-bqija ta' dawk li kienu ġew lura mill-eżilju, kollhom ferħana għamlu l-festa tal-konsagrazzjoni ta' dan it-tempju.

17U għall-konsagrazzjoni ta' dan it-tempju offrew b'sagrifiċċju mitt gendus, mitejn muntun, erba' mitt ħaruf; u għal dnubiet Iżrael kollu offrew tnax-il gidi skont kemm kienu t-tribujiet ta' Iżrael.

18Imbagħad qassmu l-qassisin skont it-taqsimiet tagħhom u l-Leviti fil-ġemgħat tagħhom għas-servizz ta' Alla f'Ġerusalemm, kif inhu miktub fil-Liġi ta' Mosè.

### Il-festa tal-Għid (515 QK)

19Dawk li ġew lura mill-eżilju għamlu l-festa tal-Għid fl-erbatax tal-ewwel xahar.

20Il-qassisin u l-Leviti ssaffew flimkien, u għax kienu safja setgħu joqtlu l-ħaruf tal-Għid għal dawk kollha li kienu ġew lura mill-eżilju u għal ħuthom il-qassisin, u għalihom stess.

21Imbagħad kielu minnu wlied Iżrael li kienu ġew lura mill-Eżilju, u dawk kollha li kienu nqatgħu mit-tinġis tan-nies tal-art, biex ifittxu lill-Mulej, Alla ta' Iżrael.

22U kollhom ferħana għamlu l-festa tal-Azzmi għal sebat ijiem, għax il-Mulej kien imliehom bil-ferħ u dawwar lejhom qalb is-sultan tal-Assirja, li għenhom fil-bini tat-tempju ta' Alla, Alla ta' Iżrael.

## Esdra 7

### Il-missjoni ta' Esdra


© 2020 Malta Bible Society.

1Wara dawn il-ġrajja, meta kien qiegħed isaltan Artasersi, sultan tal-Persja, kien hemm wieħed jismu Esdra li kien jiġi bin Xeraja, bin Għażarija, bin Hilkija,

2bin Sallum, bin Sadok, bin Aħitub,

3bin Amarija, bin Għażarija, bin Merajot,

4bin Żeraħija, bin Għużżi, bin Bukki,

5bin Abisugħa, bin Fineħas, bin Elgħażar, bin Aron, il-qassis il-kbir.

6Dan Esdra tala' minn Babilonja; kien skriba jaf tajjeb il-Liġi ta' Mosè li kienet ġiet mogħtija mill-Mulej, Alla ta' Iżrael. Billi id il-Mulej kienet fuqu, is-sultan kien jagħtih kulma kien jitolbu.

7Fis-seba' sena mindu beda jsaltan Artasersi telgħu Ġerusalemm xi wħud minn ulied Iżrael, xi qassisin, xi Leviti, xi kantanti, xi wħud mill-purtinara tat-tempju u xi lsiera tat-tempju.

8Esdra ġie Ġerusalemm fil-ħames xahar tas-seba' sena mindu kien ilu jsaltan Artasersi.

9Kien qatagħha li jitlaq minn Babilonja fil-bidu tal-ewwel xahar, u wasal imbagħad fil-bidu tal-ħames xahar Ġerusalemm għax l-id ħanina ta' Alla kienet fuqu.

10Esdra kien ingħata minn qalbu għall-istudju tal-Liġi tal-Mulej, għall-osservanza tagħha, u għat-tagħlim tad-digrieti u l-preċetti tagħha lil Iżrael.

### L-editt ta' Artasersi

11Esdra kien skriba jaf sewwa l-kliem tal-kmandamenti tal-Mulej u tal-liġijiet tiegħu għal Iżrael. Din hija kopja tal-ittra tas-sultan Artasersi lil Esdra, il-qassis u l-iskriba, imgħallem tal-kmandamenti tal-Mulej u l-preċetti tiegħu għal Iżrael:

12"Artasersi, sultan tas-slaten, lil Esdra, qassis u skriba tal-Liġi ta' Alla tas-smewwiet: sliem sħiħ!

13"Nordna b'digriet li jekk xi ħadd fis-saltna tiegħi mill-poplu ta' Iżrael, mill-qassisin tiegħu, mil-Leviti tiegħu, juri xewqtu li jmur Ġerusalemm miegħek, ħa jmur.

14Jien qiegħed nibagħtek minn ħdejja flimkien ma' seba' kunsillieri tiegħi biex, skont il-Liġi ta' Alla tiegħek li għandek f'idek, tara fiex inhuma l-Lhud u fiex inhi Ġerusalemm.

15Qiegħed nibagħtek ukoll biex tieħu miegħek il-fidda u d-deheb, li jien qiegħed noffri flimkien mal-kunsillieri tiegħi minn rajna lil Alla ta' Iżrael, li joqgħod f'Ġerusalemm,


© 2020 Malta Bible Society.

16 u biex tieħu miegħek ukoll il-fidda u d-deheb li tista' ssib fil-provinċja kollha ta' Babilonja flimkien mal-offerti li l-poplu u l-qassisin joffru minn rajhom għat-tempju ta' Alla f'Ġerusalemm.

17 Hu ħsieb ixtri b'dawn il-flus għoġiela, imtaten, ħrief, u offerti ta' ikel u xorb, biex toffrihom fuq l-artal fit-tempju ta' Alla tagħkom f'Ġerusalemm.

18 Bil-bqija tal-fidda u tad-deheb, agħmlu dak li jidhrilkom li hu tajjeb, int u ħutek, skont kif jogħġob lil Alla tagħkom.

19 U l-oġġetti li jagħtuk għas-servizz fit-tempju ta' Alla tagħkom, qegħedhom kollha quddiem Alla f'Ġerusalemm.

20 U l-bqija tal-ħwejjeġ meħtieġa għat-tempju ta' Alla tiegħek li int tħossok li għandek tagħti, oħroġhom mit-teżor tas-sultan.

21 "Jien, Artasersi, is-sultan, nordna b'digriet lil dawk li jiġbru għat-teżor in-naħa l-oħra tal-Ewfrat: Kulma jitlobkom Esdra, il-qassis u skriba tal-Liġi ta' Alla tas-smewwiet, għandkom tagħtuhulu bla tnikkir:

22 sa mitt talent tal-fidda, sa mitt kor qamħ, sa mitt batt inbid, sa mitt batt żejt, u melħ bla qjies.

23 Kulma jordna Alla tas-smewwiet għandu jsir sewwa għat-tempju ta' Alla tas-smewwiet, li ma jmurx jagħdab għas-saltna tas-sultan u ta' wliedu.

24 Għandkom tkunu tafu wkoll li mhuwiex permess li tgħabbu b'taxxi, tribut u ħaraġ, lil xi qassis, Levita, kantant, lil xi ħadd mill-purtinara tat-tempju, lil xi lsir tat-tempju, jew lil xi ħadd minn dawk li jaħdmu fit-tempju.

25 "U int, Esdra, aħtar maġistrati u mħallfin skont l-Għerf ta' Alla tiegħek li għandek f'idek, biex jagħmlu l-ħaqq għall-poplu kollu li hemm in-naħa l-oħra tal-Ewfrat, għal kull min jaf il-Liġi ta' Alla tiegħek. Dawk li ma jafuhiex għallimhielhom.

26 Jekk xi ħadd ma joqgħodx għal-Liġi ta' Alla tiegħek, li hi l-Liġi tas-sultan ukoll, isir ħaqq sewwa minnu, kemm jekk jaqtgħuhielu għall-mewt, kemm jekk jaqtgħuhielu li għandu jitkeċċa 'l barra, jew li għandu jitteħidlu ġidu, jew li għandu jiġi mitfugħ il-ħabs."

### Il-vjaġġ ta' Esdra minn Babilonja għal-Lhudija

27 Ikun imbierek il-Mulej, Alla ta' missirijietna, li qanqal lis-sultan biex isebbaħ it-tempju tal-Mulej f'Ġerusalemm,

28 li wera t-tjieba tiegħu miegħi biex nogħġob lis-sultan, lill-kunsillieri tiegħu, u lill-ogħla uffiċjali tas-saltna. Jien għamilt il-qalb, għax id il-Mulej, Alla tiegħi, kienet fuqi, u ġbart madwari xi kapijiet ta' Iżrael biex intellagħhom miegħi Ġerusalemm.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

# Esdra 8

1Dawn huma l-kapijiet ta' djar missirijiethom, skont l-arblu tar-razza tagħhom, li telgħu miegħi minn Babilonja meta kien qiegħed jaħkem is-sultan Artasersi.

2Minn ulied Fineħas kien hemm Gersum; minn ulied Itamar, Danjel; minn ulied David, Hattus;

3minn ulied Sekanija ...; minn ulied Pargħos, Żakkarija li miegħu kien hemm irreġistrati mija u ħamsin raġel;

4minn ulied Paħat-mowab, Eljeħugħenaj bin Żeraħija, u miegħu mitejn raġel;

5minn ulied Żattu, Sekanija bin Ġaħsijel, u miegħu tliet mitt raġel;

6minn ulied Għadin, Għebed bin Ġonatan, u miegħu ħamsin raġel;

7minn ulied Għelam, Isagħija bin Għatalija, u miegħu sebgħin raġel;

8minn ulied Sefatija, Żebadija bin Mikiel, u miegħu tmenin raġel;

9minn ulied Ġowab, Għobadija bin Ġeħijel, u miegħu mitejn u tmintax-il raġel;

10minn ulied Bani, Selomit bin Ġosifija, u miegħu mija u sittin raġel;

11minn ulied Bebaj, Żakkarija bin Bebaj, u miegħu tmienja u għoxrin raġel;

12minn ulied Għażgad, Ġoħanan bin Hakkatan, u miegħu mija u għaxart irġiel;

13minn ulied Adonikam, li kienu tal-aħħar, li kien jisimhom Elifelet, Ġegħijel, u Semajja, u magħhom sittin raġel;

14minn ulied Bigwaj, Għutaj bin Żakkur, u magħhom sebgħin raġel.

15Ġbarthom ħdejn ix-xmara li tmur lejn Aħawa, u għaddejna tlitt ijiem hemmhekk taħt it-tined. U ħarist lejn il-poplu u l-qassisin, iżda fosthom Leviti ma sibtx.

16Għalhekk bgħatt għal Eligħeżer, Arjel, Semajja, Elnatan, Ġarib, Elnatan, Natan, Żakkarija, u Mesullam, kapijiet għaqlin.

17U bgħatthom għand Iddu, kap tal-inħawi ta' Kasifija, u għedtilhom x'għandhom jgħidu lil Iddu u lil ħutu, l-ilsiera tat-tempju li kienu joqogħdu fl-inħawi ta' Kasifija u biex iġibulna ministri għat-tempju ta' Alla tagħna.

18U għax Alla kien tajjeb magħna, ġabulna wieħed jinqala' minn ulied Naħli bin Levi, bin Iżrael, jismu Serebija; dan ġie flimkien ma' wliedu u ħutu, b'kollox tmintax-il ruħ.

19Magħhom ġabulna wkoll minn ulied Merari, lil Hasabija u 'l ħuh Isagħija u 'l uliedhom, b'kollox għoxrin ruħ.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[20]Mill-ilsiera tat-tempju, li David kien ħatar biex jaqdu lil-Leviti, ġabulna mitejn
u għoxrin ilsir. Dawn kollha ġew irreġistrati b'isimhom.

[21]Hemm, imbagħad, ħdejn ix-xmara Aħawa, jien għamilt sejħa lil kulħadd biex
isum, ħa numiljaw ruħna quddiem Alla u nitolbuh jagħtina vjaġġ tajjeb, lilna, lil
uliedna u 'l-ġid tagħna.

[22]Għax jien kont stħajt nitlob lis-sultan jagħtina eżerċtu u kavallerija biex
iħarsuna mill-għedewwa matul it-triq. Aħna konna għedna lis-sultan: "Alla
tagħna hu ħanin ma' kull min idur lejh, imma hu qalil fl-għadab tiegħu ma' kull
min jitilqu."

[23]Għalhekk, somna u tlabna lil Alla tagħna, u hu sama' talbna.

[24]U għażilt tnax mill-kapijiet tal-qassisin, jiġifieri lil Serebija, Hasabija, u għaxra
minn ħuthom,

[25]u wiżintilhom il-fidda, id-deheb, l-oġġetti sagri, u l-offerti li kienu taw lit-
tempju ta' Alla tagħna s-sultan, il-kunsillieri tiegħu, l-uffiċjali għolja tiegħu, u l-
Iżraelin kollha li kienu joqogħdu hemm.

[26]Wiżintilhom f'idejhom stess sitt mija u ħamsin talent tal-fidda, oġġetti tal-fidda
jiswew mitt talent, u mitt talent tad-deheb.

[27]Għoxrin bieqja tad-deheb jiswew għoxrin darik, u żewġ oġġetti ta' bronż mill-
ifjen jiswew daqs id-deheb.

[28]Jiena mbagħad għedtilhom: "Intom ikkonsagrati lill-Mulej. Dawn huma oġġetti
sagri, u l-fidda u d-deheb huma offerti li xi wħud għamlu minn rajhom lill-Mulej,
Alla ta' missirijietkom.

[29]Hudu ħsiebhom għalhekk, u ħarsuhom sakemm tiġu biex tiżnuhom fis-swali
tat-tempju tal-Mulej quddiem l-ogħla qassisin u Leviti, u quddiem il-kapijiet ta'
Iżrael f'Ġerusalemm."

[30]U l-qassisin u l-Leviti ħadu l-fidda, id-deheb u l-oġġetti sagri li kienu wiżnu biex
jeħduhom Ġerusalemm fit-tempju ta' Alla tagħna.

[31]Tlaqna mbagħad minn ħdejn ix-xmara Aħawa fit-tnax tal-ewwel xahar biex
immorru Ġerusalemm, u Alla tagħna żamm idu fuqna u ħelisna minn id l-għadu
u minn id kull min kien qiegħed għassa tagħna fit-triq.

[32]U wasalna Ġerusalemm, u qgħadna hemm tlitt ijiem.

[33]Fir-raba' jum, imbagħad, reġgħu wiżnu l-fidda, id-deheb u l-oġġetti sagri, fit-
tempju ta' Alla tagħna f'idejn Meremot bin Urija, il-qassis. Kien hemm miegħu
Elgħażar bin Fineħas, u kien hemm ukoll Ġożabad bin Ġożwè u Nogħadija bin
Binnuwi, Leviti.

[34]Għaddew u wiżnu kollox, u l-piż ta' kull oġġett ġie rreġistrat f'dak iż-żmien.


© 2020 Malta Bible Society.

35Dawk li ġew lura mill-eżilju, jiġifieri l-eżiljati, offrew bhejjem sħaħ b'sagrifiċċju
tal-ħruq lil Alla ta' Iżrael: tnax-il għoġol għal Iżrael kollu, sitta u disgħin muntun,
sebgħa u sebgħin ħaruf, u tnax-il bodbod b'sagrifiċċju tal-purifikazzjoni. Dawn
kollha offrewhom b'sagrifiċċju tal-ħruq lill-Mulej.

36Għaddew ukoll l-ordnijiet tas-sultan lill-uffiċjali tas-sultan u lill-gvernaturi tal-
inħawi n-naħa l-oħra tax-xmara, u dawn għenu lill-poplu u lit-tempju ta' Alla.

## Esdra 9

### Jinħallu ż-żwiġijiet mal-barranin

1Meta temmew jagħmlu dan kollu, resqu fuqi l-mexxejja u qaluli: "Il-poplu ta'
Iżrael, il-qassisin, u l-Leviti, mhumiex maqtugħin min-nies ta' artijiet barranin
bil-ħwejjeġ moqżieża tagħhom; mhumiex maqtugħin mill-Kangħanin, mill-
Ħittin, mill-Periżżin, mill-Ġebusin, mill-Għammonin, mill-Mowabin, mill-
Eġizzjani, u mill-Amurrin.

2Għax ħadu mill-bniet tagħhom għalihom u għal uliedhom biex iżżewġuhom, u
hekk in-nisel qaddis tħallat man-nies tal-art. F'dan it-tradiment, il-mexxejja u l-
kapijiet kienu minn ta' quddiem."

3Kif smajt dal-kliem, ċarratt ħwejġi u l-mantar tiegħi, qattajt xagħri u l-leħja
tiegħi, u qgħadt bilqiegħda inkwetat ħafna.

4Minħabba dan it-tradiment, ingħaqdu miegħi mbagħad dawk kollha li
jirrispettaw il-kelma ta' Alla ta' Iżrael. U jien bqajt bilqiegħda inkwetat ħafna sas-
sagrifiċċju ta' filgħaxija.

5Xħin kienu qed joffru s-sagrifiċċju ta' filgħaxija, jien qomt mill-għajb tiegħi, u bi
ħwejġi u l-mantar tiegħi mċarrtin inżilt għarkupptejja, u ftaħt idejja lejn il-Mulej,
Alla tiegħi,

6u għedt: "Alla tiegħi, jien inħossni nistħi, u wiċċi ma jagħtinix li nerfa' ħarsti lejk,
Alla tiegħi. Għax dnubietna tant kotru li ninsabu mgħaddsin sa rasna fihom, u
ħtijietna għolew m'ogħla s-smewwiet.

7Minn żmien missirijietna sal-lum waqajna fi ħtijiet kbar u minħabba fi
dnubietna, aħna, is-slaten tagħna, u l-qassisin tagħna, ġejna mogħtija f'idejn
slaten barranin. Dawn darbuna bix-xabla, ħaduna fl-eżilju, ħadulna ġidna, u
ġejna fl-għajb li qegħdin fih illum.

8Imma issa, il-Mulej, Alla tagħna, tana grazzja għal ftit taż-żmien, billi ħallielna
fdal u tana fuqiex nafdaw, jiġifieri dan il-post qaddis. B'hekk Alla tagħna ried
iferraħna u jgħajjixna għal ftit fl-eżilju tagħna.

9Għax aħna lsiera; imma Alla tagħna ma nsiniex fl-eżilju tagħna, għax wera l-
ħniena tiegħu magħna quddiem is-slaten tal-Persja, meta tana mill-ġdid il-ħajja


© 2020 Malta Bible Society.

ħa nerġgħu ntellgħu t-tempju ta' Alla tagħna, u nerġgħu nibnuh mill-ħerba tiegħu u b'hekk ikollna kenn f'Ġuda u Ġerusalemm.

10Imma issa, x'nistgħu ngħidu, o Alla tagħna, jekk wara dan kollu nsejna l-kmandamenti tiegħek?

11Għax inti kkmandajtna, permezz tal-qaddejja tiegħek il-profeti, u għedtilna 'Intom sejrin biex tieħdu taħt idejkom art imniġġsa b'tinġis il-ġnus ta' artijiet barranin; il-ħwejjeġ moqżieża tagħhom imlewha bi ħmieġhom minn tarf għal ieħor.

12Issa, mela, il-bniet tagħkom tagħtuhomx lis-subien tagħhom biex jiżżewġuhom, u l-bniet tagħhom teħduhomx għas-subien tagħkom. Tfittxu qatt is-sliem u l-ġid magħhom, u hekk tkunu b'saħħitkom, tieklu mill-ġid tal-art, u tħalluha 'l uliedkom b'wirt għal dejjem.'

13Wara dak kollu li għadda minn fuqna minħabba fl-għemejjel ħżiena tagħna u fi dnubietna kbar - għalkemm int, Alla tagħna, ikkunsidrajt ħtijietna inqas milli tabilħaqq kienu u ħallejtilna dan il-fdal -

14u se nerġgħu forsi niksru l-kmandamenti tiegħek u nitħalltu biż-żwieġ mal-ġnus li jagħmlu ħwejjeġ moqżieża? Ma jkunx forsi l-għadab tiegħek għalina hekk kbir li teqridna, u ma jeħlisha ħadd u ma jibqa' l-ebda fdal?

15Mulej, Alla ta' Iżrael, int ġust, għax fadal aħna li ħlisnieha llum. Ara, aħna nistqarru dnubietna quddiemek, għax minħabba fihom ħadd ma jibqa' wieqaf quddiemek."

## Esdra 10

1Xħin Esdra kien qiegħed jitlob u jistqarr dnubiet il-poplu b'wiċċu fl-art jibki quddiem it-tempju ta' Alla, inġabret madwaru ġemgħa kbira ta' Iżraelin, irġiel, nisa u tfal, ilkoll jibku kemm jifilħu.

2Imbagħad Sekanija bin Ġeħijel, mill-familja ta' Għelam, qal lil Esdra: "Aħna konna ttradejna lil Alla tagħna, għax iżżewwiġna nisa barranin minn ulied in-nies tal-art, imma minkejja dan għad hemm tama għal Iżrael.

3Nagħmlu issa patt ma' Alla tagħna, u nkeċċu n-nisa barranin kollha u 'l uliedhom skont ma twissina int, sinjur, u dawk li jitriegħdu quddiem dak li Alla tagħna kkmanda. Isir kollox skont kif inhu miktub fil-Liġi.

4Qum, għax din hi biċċa tiegħek; aħna nkunu miegħek. Agħmel il-qalb u agħmel xi ħaġa."

5Esdra mbagħad qam, u ġiegħel lill-kapijiet tal-qassisin, lil-Leviti u lil Iżrael kollu, jaħilfulu li jagħmlu skont ma kien intqal. U huma ħalfulu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

6 Imbagħad Esdra qam minn quddiem it-tempju ta’ Alla, u telaq lejn il-kamra ta’ Ġoħanan bin Eljasib, u għadda l-lejl hemmhekk. Imma ma missx ikel jew xorb, għax sewwed qalbu ħafna minħabba t-tradiment ta’ dawk li kienu ġew lura mill-eżilju.

7 Mela, il-mexxejja tal-poplu għamlu sejħa f’Ġuda u Ġerusalemm biex jinġabru f’Ġerusalemm dawk kollha li kienu ġew lura mill-eżilju,

8 u wissew li jekk xi ħadd ma jmurx fi żmien tlitt ijiem ġidu kienu jeħduhulu u hu kien jitkeċċa ’l barra mill-komunità ta’ dawk li ġew lura mill-eżilju.

9 Għalhekk, fi żmien tlitt ijiem l-irġiel kollha ta’ Ġuda u Benjamin inġabru Ġerusalemm; dan kien fl-għoxrin tad-disa’ xahar. Imbagħad il-poplu kollu nġabar fil-misraħ quddiem it-tempju ta’ Alla, u kulħadd kien qiegħed jirtogħod minħabba dak li kien qiegħed jiġri, u minħabba x-xita li kienet nieżla.

10 U Esdra, il-qassis, qam u qalilhom: “Intom kontu infidili u żżewwiġtu nisa barranin, u hekk komplejtu żidtu mad-dnubiet ta’ Iżrael.

11 Imma issa, roddu ħajr lill-Mulej, Alla ta’ missirijietkom, u agħmlu r-rieda tiegħu, infirdu min-nisa tal-art u min-nisa barranin tagħkom.”

12 U weġbitu l-ġemgħa kollha b’leħen għoli: “Hekk hu, nagħmlu kif qed tgħidilna.

13 Imma hawn folla kbira hawnhekk, u billi hu żmien ix-xita ma nifilħux noqogħdu barra. Dan mhuwiex xogħol ta’ ġurnata jew tnejn, għax f’din il-biċċa konna ħafna li żbaljajna.

14 Ħa joqogħdu l-mexxejja tagħna minflok il-ġemgħa kollha. Kull min, imbagħad, mill-ibliet tagħna żżewweġ mara barranija, jiġi fi żmien stabbilit flimkien max-xjuħ u l-imħallfin ta’ kull belt, sakemm inkunu reġġajna lura minn fuqna l-għadab ta’ Alla għalina minħabba dak li għamilna.”

15 Ġonatan bin Għaxajel u Ġaħżija bin Tikwa biss ma qablux ma’ dan, u Mesullam u Sabtaj, il-Levita, żammew magħhom.

16 Imma dawk li kienu ġew mill-eżilju laqgħu li jagħmlu kif kien intqal. Esdra, il-qassis, għażel għalhekk xi wħud li kienu jiġu l-kapijiet ta’ djar missirijiethom, u ’l kull wieħed minnhom sejjaħlu b’ismu. Fl-ewwel tal-għaxar xahar qagħdu bilqiegħda biex jistħarrġu dak li kien ġara,

17 u temmew jistħarrġu l-irġiel li kienu żżewġu nisa barranin fl-ewwel tal-ewwel xahar.

### Il-lista ta’ dawk li kienu żbaljaw

18 Instab li minn fost il-qassisin kien hemm uħud li kienu żżewġu nisa barranin. Fost ulied Ġożwè bin Ġosadak u ħutu kien hemm Magħxija, Eligħeżer, Ġarib, u Gedalija.


© 2020 Malta Bible Society.

[19]Imma dawn taw il-kelma tagħhom li jibagħtu n-nisa tagħhom; u għax kienu
ħatja offrew muntun mill-merħla tagħhom għal dnubiethom.

[20]Fost ulied Immer kien hemm Hanani u Żebadija.

[21]Fost ulied Harim kien hemm Magħxija, Elija, Semajja, Ġeħijel, u Għużżija;

[22]u fost ulied Pasħur kien hemm Elijugħenaj, Magħxija, Ismagħel, Netanjel,
Ġożabad, u Elgħaxa.

[23]Fost il-Leviti kien hemm Ġożabad, Simgħi, Kelaja (jiġifieri Kelita), Petaħija,
Ġuda, u Eligħeżer.

[24]Fost il-kantanti kien hemm Eljasib, u fost il-purtinara tat-tempju kien hemm
Sallum, Telem, u Uri.

[25]Minn Iżrael, fost ulied Pargħos kien hemm Ramija, Iżżija, Malkija, Mijjamin,
Elgħażar, Malkija, u Benaja.

[26]Fost ulied Għelam kien hemm Mattanija, Żakkarija, Ġeħijel, Għabdi, Ġeremot,
u Elija.

[27]Fost ulied Żattu kien hemm Elijugħenaj, Eljasib, Mattanija, Ġeremot, Żabad, u
Għażiża.

[28]Fost ulied Bebaj kien hemm Ġeħoħanan, Hananija, Żabbaj, u Għattaj.

[29]Fost ulied Bani kien hemm Mesullam, Malluk, Għadaja, Ġasub, Sijal, u Ġeremot.

[30]Fost ulied Paħat-mowab kien hemm Għadna, Kelal, Benaja, Magħxija,
Mattanija, Besalel, Binnuwi, u Manassi.

[31]Fost ulied Harim kien hemm Eligħeżer, Issija, Malkija, Semajja, Simgħon,

[32]Benjamin, Malluk, u Semarija.

[33]Fost ulied Hasum kien hemm Mattenaj, Mattatta, Żabad, Elifelet, Ġeremaj,
Manassi, u Simgħi.

[34]Fost ulied Bani kien hemm Magħdaj, Għamram, u Uwel,

[35]Benajja, Bedija, Keluħi,

[36]Wanija, Meremot, Eljasib,

[37]Mattanija, Mattenaj, u Ġagħsu.

[38]Fost ulied Binnuwi kien hemm Simgħi,

[39]Selemija, Natan, Għadajja,

[40]Maknadbaj, Sasaj, Saraj,

[41]Għażarel, Selemija, Semarija,


© 2020 Malta Bible Society.

42Sallum, Amarija, u Ġużeppi.

43Fost ulied Nebu kien hemm Ġegħijel, Mattitija, Żabad, Żebina, Ġaddaj, Ġoel, Benaja.

44Dawn kollha kienu żżewġu nisa barranin, imma keċċewhom bit-tfal tagħhom b'kollox.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

# Neħemija

## Neħemija 1

### Il-missjoni ta' Neħemija fil-Lhudija

1Il-ġrajja ta' Neħemija bin Hakalija. Fix-xahar ta' Kaslew tas-sena għoxrin, meta jien kont fiċ-ċittadella ta' Susa,

2wasal għandi Hanani, wieħed minn ħuti, flimkien ma' xi nies ta' Ġuda. Jien staqsejthom għal-Lhud li kienu ħelsuha, għal dawk li kien fadal wara l-eżilju, u għal Ġerusalemm.

3U huma weġbuni: "Dawk li kien fadal wara l-eżilju hemmhekk, fil-provinċja, jinsabu ħażin ħafna u fil-għajb. Is-swar ta' Ġerusalemm għadhom imħarbta, u l-bibien tagħhom maħruqa bin-nar."

4Kif smajt dan il-kliem, inxħett bilqiegħda nibki, u nitniehed għal jiem sħaħ, u bqajt sajjem nitlob lil Alla tas-smewwiet.

5Jien tlabt: "O Mulej, Alla tas-smewwiet, Int Alla kbir u tal-biża', Int iżżomm il-patt u turi ħniena ma' dawk li jħobbuk u jħarsu l-preċetti tiegħek.

6Agħti widen u żomm għajnejk miftuħa ħa tisma' t-talba li jien, il-qaddej tiegħek, qiegħed nagħmillek illum, billejl u binhar, għal ulied Iżrael, il-qaddejja tiegħek. Nistqarr id-dnubiet li għamlu wlied Iżrael kontrik; jien ukoll u dar missieri dnibna.

7Imxejna ħażin ħafna miegħek, u ma ħarisniex il-preċetti, il-kmandamenti, u d-digrieti li tajt lil Mosè, il-qaddej tiegħek.

8Ftakar fil-kelma li kont tajt lil Mosè, il-qaddej tiegħek, meta għedtlu: 'Jekk intom tiksruhom, jien inxerridkom fost il-ġnus,

9imma jekk terġgħu lura lejja u tħarsu l-preċetti tiegħi, u tagħmlu skont ma jgħidulkom, imqar jekk l-imxerrdin tagħkom ikunu fi truf is-smewwiet, jien niġborhom u nġibhom fil-post li għażilt biex jgħammar ismi fih.'

10Dawn huma l-qaddejja tiegħek u l-poplu tiegħek, li int fdejt bil-qawwa kbira tiegħek u bi driegħek setgħan.

11Nitolbok, Mulej, agħti widen għat-talba tal-qaddej tiegħek u għat-talba tal-qaddejja tiegħek, li jixtiequ jagħtu ġieħ lil ismek. Ibgħat ir-risq fuq il-qaddej tiegħek illum, u agħtih li jingħoġob minn dan ir-raġel." Issa jien kont il-kuppier tas-sultan.

## Neħemija 2

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

1 Fix-xahar ta’ Nisan tas-sena għoxrin tas-saltna ta’ Artasersi, is-sultan kellu l-
inbid quddiemu, u jien ħadt l-inbid u newwilthulu. Qatt ma kont wiċċi mqarras
quddiemu.

2 U hu qalli: “Għaliex int wiċċek imqarras? Marid m’intix: għalhekk dan tiegħek
mhuwiex ħlief swied il-qalb.” Imbagħad jien bżajt ħafna;

3 imma weġibt lis-sultan; “Sultan, jalla tgħix għal dejjem! Għax m’għandix
inqarras wiċċi meta l-belt fejn hemm l-oqbra ta’ missirijieti hi ħerba waħda u l-
bibien tagħha maħruqa bin-nar?”

4 Qalli mbagħad is-sultan: “X’inhu li qiegħed titlobni?” Jien tlabt lil Alla tas-
smewwiet,

5 u weġibt lis-sultan: “Jekk is-sultan jidhirlu li hi ħaġa sewwa u jekk il-qaddej
tiegħek jogħġob lis-sultan, nixtieq li tibgħatni f’art Ġuda, fil-belt fejn hemm l-
oqbra ta’ missirijieti, ħalli nerġa’ nibniha.”

6 Imbagħad, bis-sultana bilqiegħda maġenbu, is-sultan staqsieni: “Kemm iddum
il-mawra tiegħek? Kemm iddum ma terġa’ lura?” U meta jien tajtu ż-żmien, is-
sultan għoġbu jibgħatni.

7 Jien għalhekk għedt lis-sultan: “Jekk is-sultan jogħġbu, ħa jagħtini ittri għall-
gvernaturi tan-naħa l-oħra tal-Ewfrat, biex iħalluni ngħaddi min-naħa għall-
oħra sa ma nasal f’art Ġuda.

8 Ha jagħtini wkoll ittra għal Asaf, li jieħu ħsieb il-foresti tas-sultan, biex jagħtini
injam għat-travi fid-daħliet tal-fortizza li tħares it-tempju, tas-swar tal-belt, u
tad-dar fejn se noqgħod.” U s-sultan tani dan kollu, għax id Alla tiegħi kienet
ħanina miegħi.

9 Imbagħad mort għand il-gvernaturi tan-naħa l-oħra tal-Ewfrat, u tajthom l-ittri
tas-sultan. Is-sultan bagħat miegħi fizzjali tal-eżerċtu u kavallerija.

10 Mela jisimgħu b’dan Sanballat il-Ħoroni u Tobija, l-uffiċjal Għammoni, u
qabdithom diqa kbira għax kien ġie wieħed li ried jagħmel il-ġid lil ulied Iżrael.

### Neħemija jibni s-swar ta’ Ġerusalemm

11 Mort imbagħad Ġerusalemm, u meta kont ili hemm tlitt ijiem

12 qomt billejl ma’ ftit irġiel oħra, imma ma wrejt lil ħadd x’kien nebbaħni
nagħmel Alla tiegħi għal Ġerusalemm. Lanqas bhima ma kelli miegħi, ħlief dik li
kont riekeb fuqha.

13 Ħriġt billejl minn Bieb il-Wied għan-naħa ta’ Għajn id-Dragun u lejn Bieb id-
Demel, u flejt is-swar imħarbta ta’ Ġerusalemm u l-bibien tagħha maħruqa bin-
nar.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

14Qsamt imbagħad għal Bieb il-Għajn u lejn il-Menqgħa tas-sultan, u hemm ma
kienx hemm post fejn setgħet taqsam il-bhima li kelli taħti.

15Tlajt il-wied billejl u flejt is-swar; imbagħad ġejt mill-ġdid f'Bieb il-Wied, u
rġajt lura.

16L-uffiċjali Persjani ma ntebħux fejn kont mort u x'kont qed nagħmel; u jien
s'issa kont għadni m'għarraft b'xejn lil-Lhud, lill-qassisin, lill-kbarat, lill-uffiċjali
Persjani, u 'l-oħrajn li kellhom jagħmlu din il-biċċa xogħol miegħi.

17Imbagħad għedtilhom: "Qegħdin taraw kemm hi ħażina l-qagħda li ninsabu
fiha: Ġerusalemm hi ħerba waħda u l-bibien tagħha huma maħruqa bin-nar.
Ejjew nibnu s-swar ta' Ġerusalemm, u ma nibqgħux iktar f'dan l-għajb."

18Meta mbagħad għedtilhom kemm kienet ħanina id Alla tiegħi miegħi, u x'kien
qalli s-sultan, qaluli: "Inqumu u nibnuhom!" U huma għamlu l-qalb għal din il-
biċċa xogħol ta' fejda.

19Meta semgħu Sanballat il-Ħoroni, Tobija, l-uffiċjal Għammoni, u Gesem, l-
Għarbi, bdew jiddieħku bina u jżebilħuna. U qalulna: "X'inhu dan li qed tagħmlu?
Jaqaw se tqumu kontra s-sultan?"

20Imma jien bgħatt ngħidilhom: "Hu Alla tas-smewwiet li jibagħtilna r-riżq, għax
aħna qaddejja tiegħu. Aħna nqumu ħa nibnu, imma intom f'Ġerusalemm ma
jkollkomx sehem, dritt, jew tifkira."

## Neħemija 3

### Il-bini tas-swar ta' Ġerusalemm

1Imbagħad qamu Eljasib, il-qassis il-kbir, u ħutu l-qassisin u bnew Bieb in-
Nagħaġ, u qegħdulu t-travi u l-bibien tiegħu. Bnew ukoll sat-Torri tal-Mija u sat-
Torri ta' Ħananel.

2Lil hinn minnhom bnew in-nies ta' Ġeriko, u lil hinn minn dawn bena Żakkur
bin Imri.

3Bieb il-Ħut bnewh ulied Ħassena; qegħdulu t-travi u l-bibien tiegħu, u l-lukketti
u l-istaneg tiegħu.

4Lil hinn minnhom sewwieh Meremot bin Urija, bin Kos. Lil hinn minn dan
sewwieh Mesullam bin Berekija, bin Meseżabel. Lil hinn minn dawn sewwieh
Sadok bin Bagħna.

5Lil hinn minn dan sewwewh in-nies ta' Tekugħa, imma l-kbarat tagħhom ma
meddewx għonqhom għax-xogħol tal-Mulej tagħhom.

6Il-Bieb il-Qadim sewwewh Ġojada bin Paseħa u Mesullam bin Besodija; qiegħdu
t-travi u l-bibien tiegħu, u l-lukketti u l-istaneg.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

7 Lil hinn minnhom għamlu tiswijiet Melatija il-Gibgħoni u Ġadon il-Meronoti, u nies minn Gibgħon u Misfa, li kienu jaqgħu taħt l-awtorità tal-Gvernatur tal-inħawi n-naħa l-oħra tal-Ewfrat.

8 Lil hinn minnhom sewwieh Għużżijel bin Harħaja, wieħed minn dawk li jaħdmu d-deheb. Lil hinn minnu sewwieh Hananija, wieħed minn dawk li jħalltu l-fwejjaħ. Hekk dawn bnew is-sur ta' Ġerusalemm sal-Hajt il-Wiesa'.

9 Lil hinn minnhom sewwieh Refaja bin Hur, il-kap ta' nofs id-distrett ta' Ġerusalemm.

10 Ġedajja bin Harumaf sewwa lil hinn minnu, jiġifieri biswit id-dar tiegħu. Lil hinn minnu sewwieh Hattus bin Hasabnija.

11 Malkija bin Harim sewwa biċċa oħra flimkien ma' Hassub bin Paħat-mowab sat-Torri tal-Ifran.

12 Lil hinn minnhom sewwieh Sallum bin Halloħes, kap ta' nofs id-distrett ta' Ġerusalemm, flimkien ma' wliedu bniet.

13 Bieb il-Wied sewwewh Hanun u nies ta' Żanuħa; dawn bnew id-daħla, qiegħdu l-bibien, il-lukketti, u l-istaneg tagħhom. Bnew ukoll tul ta' elf driegħ fil-ħajt sa Bieb id-Demel.

14 Bieb id-Demel sewwieh Malkija bin Rekab, il-kap tad-distrett ta' Bet-ħakkerem; bnieh u qiegħed il-bibien bil-lukketti u l-istaneg tagħhom.

15 Bieb il-Għajn sewwieh Sallum bin Kolħożi, kap tad-distrett ta' Misfa; bena d-daħla u saqqafha, u qiegħed il-bibien bil-lukketti u l-istaneg tagħhom. Bena wkoll il-ħajt tal-Menqgħa ta' Birket Hassela ħdejn Ġnien is-Sultan sat-taraġ li jinżel mill-belt ta' David.

16 Lil hinn minnu Neħemija bin Għażbuk, kap ta' nofs id-distrett ta' Betsur, sewwa sa quddiem l-oqbra ta' David, sa quddiem il-Menqgħa Għaxaja, u sa Dar il-Qalbenin.

17 Warajh il-Leviti komplew it-tiswija: Reħum bin Bani. Lil hinn minnu sewwieh għad-distrett tiegħu Hasabija, kap ta' nofs id-distrett ta' Kegħila.

18 Lil hinn minnhom sewwewh ħuthom: Bawwaj Bin Henadad, kap ta' nofs id-distrett ta' Kegħila, sewwa biċċa;

19 ħdejh Għeser bin Ġożwè, kap ta' Misfa, sewwa biċċa oħra, minn biswit l-Għolja tal-Armerija fir-rokna;

20 ħdejh sewwa biċċa oħra Bàruk bin Żabbaj mir-rokna sad-daħla ta' dar Eljasib, il-qassis il-kbir;

21 u ħdejh sewwa biċċa oħra Meremot bin Urija, bin Hakkos, mid-daħla ta' dar Eljasib sat-tarf tagħha.


© 2020 Malta Bible Society.

22Lil hinn minn dan sewwewh il-qassisin li kienu joqogħdu fid-distrett.

23Benjamin u Hassub sewwew quddiem id-dar tagħhom. Lil hinn minnhom
Għażarija bin Magħxija, bin Għananija, sewwa maġenb id-dar tiegħu.

24Lil hinn minnu sewwa biċċa oħra Binnuwi bin Henadad, minn dar Għażarija
sal-kantuniera sa ħdejn it-Torri.

25Palal bin Użaj sewwa minn biswit il-kantuniera u t-Torri li hemm ħiereġ ’il
barra mill-palazz ta’ fuq tas-sultan fil-wesgħa tal-ħabs. Lil hinn minnu sewwieh
Pedaja bin Pargħos.

26U l-ilsiera tat-tempju li kienu joqogħdu fuq l-Għofel sewwew minn biswit Bieb
l-Ilma, in-naħa tal-Lvant u tat-torri, li hemm ħiereġ ’il barra.

27Lil hinn minnu sewwew biċċa oħra n-nies ta’ Tekugħa, minn quddiem it-Torri
l-Kbir li hemm ħiereġ ’il barra sal-ħajt tal-Għofel.

28Fuq Bieb iż-Żwiemel sewwewh il-qassisin; kull wieħed minnhom sewwa
quddiem id-dar tiegħu.

29Lil hinn minnhom Sadok bin Immer sewwa quddiem id-dar tiegħu; u lil hinn
minnu sewwieh Semajja bin Sekanija, l-għassies ta’ Bieb il-Lvant.

30Lil hinn minnu sewwew biċċa oħra Hananija bin Selemija u Ħanun, is-sitt iben
ta’ Salaf. Lil hinn minn dawn Mesullam bin Berekija sewwa biswit il-kamra
tiegħu.

31Lil hinn minnu Malkija, wieħed minn dawk li jaħdmu d-deheb, sewwa sa dar l-
ilsiera tat-tempju u l-bejjiegħa, biswit Bieb l-Għassa, sal-għorfa tal-kantuniera.

32U bejn l-għorfa tal-kantuniera u Bieb in-Nagħaġ sewwewh dawk li jaħdmu d-
deheb u l-bejjiegħa.

### Ir-relazzjoni tal-għedewwa tal-Lhud

33Kif sama’ Sanballat li aħna konna qegħdin nibnu s-swar saħan u għadab mhux
ftit; u qabad jiddieħek bil-Lhud.

34Mela tkellem quddiem ħutu u l-eżerċtu tas-Samarija, u qal: “X’inhuma jagħmlu
dawk il-Lhud bla saħħa? Jaqaw se jħalluhom jagħmlu dan? Jaqaw se joffru s-
sagrifiċċji u jlestu kollox f’ġurnata? Jaqaw se jerġgħu jġibu lura minn gozz trab
il-ġebel li ġie maħruq?”

35Kien hemm maġenbu Tobija l-Għammoni, u dan qal: “Halluhom jibnu li jridu!
Dak il-ħajt tal-ġebel biżżejjed jaħbat għalih volpi biex jagħmlu ħerba!”

36Isma’, o Alla, kif qegħdin iwaqqgħuna għaċ-ċajt. Raġġa’ lura fuq rashom iż-
żebliħ tagħhom, u agħmel li jkunu mwaqqgħin huma għaż-żebliħ f’art il-jasar.


© 2020 Malta Bible Society.

37Il-ħażen tagħhom taħbihx, u d-dnub tagħhom tħassrux minn quddiemek, għax huma offendewk quddiem dawk li kienu qegħdin jibnu."

38U aħna bqajna sejrin nibnu s-swar, u billi l-poplu kien kollu ħeġġa għax-xogħol, ma domniex ma tellajna l-ħitan kollha sa nofshom.

## Neħemija 4

1Kif Sanballat, Tobija, l-Għarab, l-Għammonin u l-Asdodin semgħu li t-tiswijiet tas-swar kienu mexjin 'il quddiem, u li l-ħitan imkissra kienu bdew jagħqdu, saħnu sewwa.

2Ftiehmu għalhekk bejniethom li jitilgħu jaħbtu għal Ġerusalemm biex iħawduna.

3Imma aħna tlabna 'l Alla tagħna, u konna għassa tagħhom lejl u nhar.

4Madankollu, in-nies f'Ġuda bdiet tgħid: "Is-saħħa tar-reffiegħa ddgħajfet, it-trab kotran bla qjies; U aħna ma għandniex ħila biex nibnu s-swar."

5L-għedewwa tagħna qalu: "Ma jkunux jafu, u ma jintebħu b'xejn sakemm immorru f'nofshom, noqtluhom u nwaqqfuhom minn dak li qegħdin jagħmlu".

6Ġew imbagħad għandna xi Lhud li kienu joqogħdu ħdejhom, u minn kull fejn ġew qalulna x'kien qiegħed jiġri. Meta kienu kellmuna xi għaxar darbiet

7aħna qgħadna fin-naħiet t'isfel wara l-ħajt fejn dan kien miftuħ, u jien qassamt il-poplu skont il-familji bix-xwabel, il-lanez u l-qwas tagħhom.

8U mort nara. U mbagħad qomt, u lill-kbarat, lill-uffiċjali u lill-bqija tan-nies għedtilhom: "Tibżgħux minnhom! Ftakru li l-Mulej hu kbir u tal-biża'. Iġġieldu għal ħutkom, għal uliedkom, subien u bniet, għan-nisa tagħkom, u għal djarkom."

9Meta mbagħad l-għedewwa tagħna semgħu li aħna konna sirna nafu b'kollox, u li Alla kien ġieb fix-xejn il-pjan tagħhom, ilkoll kemm aħna rġajna lura lejn is-swar, kulħadd għal xogħlu.

10Imma minn dakinhar nofs il-qaddejja tiegħi kienu jaħdmu, u n-nofs l-ieħor kienu jkunu mal-kapijiet wara kull dar ta' Ġuda armati bil-lanez, bit-tarki, bil-qwas, u bil-kurazzi.

11Dawk li kienu qed jibnu s-swar u dawk li kienu jġorru t-tagħbijiet, kienu jkunu armati; b'id waħda kienu jkunu fuq ix-xogħol, u bl-oħra fuq ix-xabla.

12Il-bennejja kienu jibnu, kull wieħed minnhom imħażżem bix-xabla ma' qaddu. U jien kien ikolli maġenbi t-trumbettier.

13U lill-kapijiet, lill-uffiċjali, u lill-bqija tal-poplu, jien għedtilhom: "Din hi biċċa xogħol ġmielha u mifruxa u aħna ninsabu mxerrdin fuq is-swar 'il bogħod wieħed minn ieħor.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[14]Ingħaqdu magħna għalhekk fil-post fejn tisimgħu d-daqq tat-tromba, u Alla
tagħna jiġġieled għalina."

[15]U hekk, filwaqt li nofsna kienu joqogħdu bil-lanez, aħna konna nagħmlu x-
xogħol tagħna minn sbieħ il-jum sa ma jfeġġu l-kwiekeb.

[16]Dak iż-żmien lill-poplu għedtlu wkoll: "Kull wieħed minnkom jgħaddi l-lejl
mal-qaddej tiegħu f'Ġerusalemm, u hekk tagħmlulna l-għassa billejl u x-xogħol
binhar."

[17]U la jien, la ħuti, la l-qaddejja tiegħi, u lanqas l-għases, li kienu warajja, ma
konna nneħħu ħwejjiġna minn fuqna, u kull wieħed minna kien ikollu l-lanza
f'idu l-leminija.

## Neħemija 5

### Id-diffikultajiet soċjali ta' Neħemija

[1]Kien hemm ħafna tgergir fost il-poplu, l-aktar fost in-nisa, kontra ħuthom il-
Lhud.

[2]Kien hemm min kien jgħid: "Aħna tajna b'rahan lil uliedna, subien u bniet, ħa
jagħtuna qamħ x'nieklu biex ngħixu."

[3]Oħrajn kienu qegħdin jgħidu: "Ir-raba' tagħna, l-għelieqi tad-dwieli tagħna, u d-
djar tagħna, aħna tajniehom b'rahan biex jagħtuna qamħ fi żmien il-ġuħ."

[4]Kien hemm ukoll min kien jgħid: "Aħna kellna nissellfu l-flus biex inħallsu t-
taxxa tas-sultan fuq ir-raba' tagħna u l-għelieqi tagħna.

[5]Jaqaw laħamna mhux bħal laħam ħutna? Uliedna mhux bħal uliedhom? Araw,
se jkollna nitfgħu fil-jasar is-subien u l-bniet tagħna biex jaħdmu għal ħaddieħor!
Xi wħud mill-bniet tagħna diġà mjassrin, u ma għandniex aktar jedd fuqhom, u
r-raba' tagħna, l-għelieqi tad-dwieli tagħna qegħdin f'idejn ħaddieħor."

[6]Għadabt bl-ikrah meta smajt dan il-kliem, u dawn l-ilmenti.

[7]Tħassibt ħafna, imma mbagħad ċanfart lill-kapijiet u lill-uffiċjali u għedtilhom:
"Kull wieħed minnkom qiegħed jitlob l-imgħax minn fuq ħutu!" U laqqajt
ġemgħa kbira kontra tagħhom.

[8]U għedtilhom: "Meta konna nistgħu, aħna dejjem fdejna 'l ħutna Lhud mibjugħa
lill-ġnus, imma intom qegħdin tbigħu lil ħutkom biex ħaddieħor ibigħhom lura
lilna." U huma baqgħu siekta, u ma sabux xi jwiegbu.

[9]Għedtilhom ukoll: "Dak li qed tagħmlu mhuwiex sewwa! Jaqaw m'għandkomx
timxu fil-biża' ta' Alla tagħna biex ma tiġux fil-għajb quddiem il-ġnus għedewwa
tagħna?

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

10Jien ukoll, ħuti u l-qaddejja tiegħi, slifniehom flus u qamħ; imma issa ejjew inwaqqfu dan il-qligħ.

11Roddulhom lura, nitlobkom, ir-raba' tagħhom, l-għelieqi tad-dwieli u taż-żebbuġ tagħhom, u djarhom, u wieħed fil-mija tal-flus, tal-qamħ, u tal-inbid ġdid u ż-żejt ġdid, li għandkom tieħdu mingħandhom."

12U huma weġbuni: "Irroddulhom lura, u ma nitolbuhom xejn lura. Nagħmlu kif għedtilna int." Imbagħad sejjaħt il-qassisin, u ġagħalthom jaħilfu li jagħmlu hekk.

13U jien farfart il-bwiet tal-libsa tiegħi, u għedtilhom: "Hekk Alla għad ifarfar 'il barra minn daru u minn ġidu lil kull min ma jżommx kelmtu, u jkun hekk imfarfar u battal." U l-ġemgħa kollha wieġbet: "Ammen." U faħħret lill-Mulej. U l-poplu għamel skont ma kien wiegħed.

### L-amministrazzjoni ta' Neħemija

14Minn dakinhar li s-sultan ordnali li nkun il-gvernatur fl-art ta' Ġuda, jiġifieri mis-sena għoxrin sas-sena tnejn u tletin tas-saltna ta' Artasersi, għal tnax-il sena sħaħ, jien u ħuti ma kilniex mill-ikel li jmiss lill-gvernatur.

15Il-gvernaturi li kien hemm qabli, madankollu, kienu għabbew il-poplu b'piż tqil; kienu jieħdu kuljum mingħandu erbgħin xekel tal-fidda għall-ikel. Saħansitra l-ministri tagħhom kienu jgħakksu l-poplu. Imma jien m'għamiltx hekk, għax kont nibża' minn Alla.

16Meta kien qiegħed isir ix-xogħol fuq is-swar, jien sewwejt magħhom u ma xtrajtx għelieqi. U l-qaddejja tiegħi kollha kienu jinġabru hemm biex jaħdmu.

17Il-Lhud u l-uffiċjali, b'kollox mija u ħamsin ruħ, u dawk li ġew għandna mingħand il-ġnus ta' madwarna, kienu jieklu minn fuq il-mejda tiegħi.

18Kienu jlestuli kuljum għoġol, sitt nagħġiet, u xi tajr, u kull għaxart ijiem kien ikun hemm ħafna nbid ta' kull xorta. Barra minn dan jien ma fittixtx li nieħu l-ikel li jmiss lill-gvernatur, għax il-poplu kien isibha bi tqila li jagħtih dan.

19Dak kollu li għamilt ma' dan il-poplu, ibqa' ftakru, Mulej, għall-ġid tiegħi.

## Neħemija 6

### It-tnassis kontra Neħemija

1Mela jisimgħu Sanballat, Tobija, Gesem, l-Għarbi, u l-bqija tal-għedewwa tagħna, li kont bnejt is-swar u ma kienx fadal tiċrit fihom, għalkemm kont għadni ma qegħedtx il-bibien fid-daħliet.

2U bagħtu jgħiduli Sanballat u Gesem: "Ejja niltaqgħu flimkien f'Kefirim, fil-wita ta' Onu." Il-ħsieb tagħhom kien li jagħmluli d-deni.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

3 Jien għalhekk bgħatt messaġġiera jgħidulhom: "Għandi biċċa xogħol ġmielha x'nagħmel; għalhekk ma nistax ninżel niltaqa' magħkom għax għandi nitlaq kollox u jieqaf ix-xogħol biex ninżel għandkom?"

4 Imma huma bagħtu jgħiduli l-istess ħaġa erba' darbiet u jien dejjem bgħattilhom l-istess tweġiba.

5 U għall-ħames darba Sanballat bagħat għandi, bħal qabel, il-qaddej tiegħu. Dan kellu f'idu ittra miftuħa,

6 li fiha kien hemm miktub hekk: "Qegħdin jingħadu xi xnigħat fost il-ġnus. Gesem qiegħed jgħid li int u l-Lhud għandkom il-ħsieb li tirvellaw, u għalhekk qegħdin tibnu s-swar. Skont ma qiegħed jingħad, int trid tkun is-sultan tagħhom,

7 u wasalt biex qegħedt profeti li jħabbru fuqek f'Ġerusalemm u jgħidu: 'Għandna sultan f'Ġuda!' Issa s-sultan jisma' b'dan kollu. Ejja għalhekk ħa nitħaddtu bejnietna."

8 Imma jien bgħatt ngħidlu: "Dak li qed tgħid mhuwiex minnu! Qlajtu int minn żniedek!"

9 Għax kollha kemm huma riedu jbeżżgħuna meta qalu: "Idejhom ma jkunux jifilħu għal dan ix-xogħol, u ma jispiċċawhx." Imma jien issa aktar għamilt il-qalb.

10 Jien imbagħad mort id-dar ta' Semajja bin Delaja, bin Meħetabel, fejn kien joqgħod magħluq. U hu qalli: "Ejja niltaqgħu fid-dar ta' Alla, fil-qalba tat-tempju, u nagħlqu warajna l-bibien tat-tempju, għax ġejjin joqtluk. Ġejjin joqtluk billejl."

11 Imma jien weġibtu: "U raġel bħali se jaħrab? Jew min hu bħali jista' jidħol fit-tempju u jibqa' ħaj? Le, ma mmurx!"

12 Għax, ara, jien fhimt li ma kienx mibgħut minn Alla, imma kien kellimni bħallikieku kien imnebbaħ, għax Tobija u Sanballat kienu xtrawh.

13 Hu kien ġie mħallas biex ibeżżagħni, ħa nagħmel dak li qalli, u nidneb; u hekk ikolli isem ħażin magħhom, u jkollhom fuqiex iċanfruni.

14 Ftakar, Alla tiegħi, f'Tobija u f'Sanballat minħabba f'dak li għamlu. Ftakar ukoll f'Nogħadija, il-profetissa, u fil-bqija tal-profeti, li kienu qegħdin ibeżżgħuni.

15 Is-swar tlestew fil-ħamsa u għoxrin tax-xahar ta' Elul, fi żmien tnejn u ħamsin ġurnata.

16 U meta semgħu b'dan l-għedewwa tagħna kollha u rawh il-ġnus li kienu joqogħdu madwarna, intebħu li kienu waqgħu fl-istima tagħhom stess; u saru jafu li dan ix-xogħol kien sar bl-għajnuna ta' Alla tagħna.

17 Saħansitra f'dawk il-jiem il-kbarat ta' Ġuda bagħtu ħafna ittri lil Tobija, u Tobija bagħtilhom ħafna wkoll.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

18Hafna f'Ġuda kienu konfoffa waħda miegħu billi hu kien jiġi r-raġel ta' bint Sekanija bin Araħ, u ibnu Ġeħoħanan kien iżżewweġ lil bint Mesullam bin Berekija.

19Kienu saħansitra jitkellmu quddiemi fuq it-tajjeb tiegħu, u kliemi kienu jwassluhulu. U Tobija kien jibgħat ittri biex ibeżżagħni.

## Neħemija 7

1Meta konna bnejna s-swar, jien kont qegħedt il-bibien u ħtart il-purtinara, il-kantanti u l-Leviti.

2Biex jamministraw lil Ġerusalemm, qegħedt lil ħija Hanani u lill-kap tal-fortizza Hananija, billi dan kien jidher raġel ta' kelmtu u jibża' minn Alla iktar minn ħafna oħrajn.

3U għedtilhom: "Ma jinfetħux il-bibien ta' Ġerusalemm qabel ma tibda tisreġ ix-xemx, u malli tieqaf is-sħana l-bibien żommuhom magħluqa u sakkruhom bl-istaneg. Għases qiegħdu 'l dawk li joqogħdu Ġerusalemm; qiegħdu 'l kull wieħed fil-post fejn għandu joqgħod għassa, kulħadd quddiem id-dar tiegħu."

### Nies ġodda jinġiebu Ġerusalemm

4Il-belt kienet kbira u l-medda tagħha kienet ġmielha, imma n-nies li kienu jgħixu fiha kienu ftit, u djar mibnija ma kienx hemm.

5Alla mbagħad nebbaħni, u jien ġbart il-kbarat, l-uffiċjali, u l-poplu, biex nagħmlilhom ċensiment skont l-arblu tar-razza, u sibt il-ktieb taċ-ċensiment ta' dawk li kienu telgħu qabel mill-eżilju. Fih sibt miktub hekk:

6"Dawn huma n-nies tal-provinċja li telgħu mill-jasar tal-eżilju fejn kien ħadhom Nabukodonosor, sultan ta' Babilonja; huma reġgħu lura f'Ġerusalemm u f'Ġuda, kull wieħed minnhom reġa' lura f'beltu.

7Dawn ġew lura ma' Żerubbabel, Ġożwè, Neħemija, Għażarija, Ragħamija, Naħamani, Mardokaj, Bilsan, Misferet, Bigwaj, Neħum, u Bagħna. In-numru tal-irġiel tal-poplu ta' Iżrael kien dan;

8ulied Pargħos kienu elfejn, mija u tnejn u sebgħin;

9ulied Sefatija, tliet mija u tnejn u sebgħin;

10ulied Araħ, sitt mija u tnejn u ħamsin;

11ulied Paħat-mowab, jiġifieri ulied Ġożwè u Ġowab, elfejn, tmien mija u tmintax;

12ulied Għelam, elf, mitejn u erbgħa u ħamsin;

13ulied Żattu, tmien mija u ħamsa u erbgħin;


© 2020 Malta Bible Society.

14ulied Żakkaj, seba' mija u sittin;

15ulied Binnuwi, sitt mija u tmienja u erbgħin;

16ulied Bebaj, sitt mija u tmienja u għoxrin;

17ulied Għażgad, elfejn, tliet mija u tnejn u għoxrin;

18ulied Adonikam, sitt mija u sebgħa u sittin;

19ulied Bigwaj, elfejn u sebgħa u sittin;

20ulied Għadin, sitt mija u ħamsa u ħamsin;

21ulied Ater, jiġifieri ulied Ħeżekija, tmienja u disgħin;

22ulied Ħasum, tliet mija u tmienja u għoxrin;

23ulied Besaj, tliet mija u erbgħa u għoxrin;

24ulied Ħarif, mija u tnax;

25ulied Gibgħon kienu ħamsa u disgħin;

26in-nies ta' Betlehem u Netufa, mija u tmienja u tmenin;

27in-nies ta' Għanatot, mija u tmienja u għoxrin;

28in-nies ta' Bet-għażmawet, tnejn u erbgħin;

29in-nies ta' Kirjat-ġegħarim, Kefira, u Birot, seba' mija u tlieta u erbgħin;

30in-nies ta' Rama u Geba, sitt mija u wieħed u għoxrin;

31in-nies ta' Mikmas, mija u tnejn u għoxrin;

32in-nies ta' Betel u Għaj, mija u tlieta u għoxrin;

33in-nies ta' Nebu l-oħra, tnejn u ħamsin;

34ulied Għelam l-ieħor, elf, mitejn u erbgħa u ħamsin;

35ulied Ħarim, tliet mija u għoxrin;

36in-nies ta' Ġeriko, tliet mija u ħamsa u erbgħin;

37in-nies ta' Lod, Ħadid, u Onu, seba' mija u wieħed u għoxrin;

38u n-nies ta' Sena, tlitt elef, disa' mija u tletin.

39Il-qassisin kienu: wlied Ġedajja, jiġifieri l-membri tal-familja ta' Ġożwè, disa' mija u tlieta u sebgħin;

40ulied Immer, elf u tnejn u ħamsin;

41ulied Pasħur, elf, mitejn u sebgħa u erbgħin;


© 2020 Malta Bible Society.

42ulied Harim, elf u sbatax.

43Il-Leviti kienu wlied Ġożwè, jiġifieri ulied Kadmijel, u wlied Hodewa, b'kollox
erbgħa u sebgħin.

44Il-kantanti, ulied Asaf, kienu mija u tmienja u erbgħin.

45Il-purtinara tat-tempju kienu wlied Sallum, ulied Ater, ulied Talmon, ulied
Għakkub, ulied Hatita, u wlied Sobaj, b'kollox mija u tmienja u tletin.

46L-ilsiera tat-tempju kienu wlied Siħa, ulied Hasufa, ulied Tabgħot,

47ulied Keros, ulied Sigħa, ulied Padon,

48ulied Lebana, ulied Hagaba, ulied Salmaj,

49ulied Hanan, ulied Giddel, ulied Gaħar,

50ulied Raja, ulied Resin, ulied Nekoda,

51ulied Gażżam, ulied Għużża, ulied Paseħa,

52ulied Besaj, ulied Megħunin, ulied Nefisesin,

53ulied Bakbuk, ulied Hakufa, ulied Harħur,

54ulied Baslit, ulied Meħida, ulied Harsa,

55ulied Barkos, ulied Sisera, ulied Tamaħ,

56ulied Nesijaħ, u wlied Hatifa.

57Ulied il-qaddejja ta' Salamun kienu wlied Sotaj, ulied Soferet, ulied Perida,

58ulied Ġagħla, ulied Darkon, ulied Giddel,

59ulied Sefatija, ulied Hattil, ulied Pokret-ħasbajim, u wlied Amon.

60L-ilsiera tat-tempju u wlied il-qaddejja ta' Salamun, kienu jgħoddu tliet mija u
tnejn u disgħin b'kollox.

61Dawn imbagħad telgħu minn Tel-melaħ, Tel-ħarsa, Kerub, Addon, u Immer, u
mingħajr ma setgħu juru liema kienet dar missirijiethom u liema kien in-nisel
tagħhom jew jekk kinux minn Iżrael:

62ulied Delaja, ulied Tobija, ulied Nekoda, b'kollox sitt mija u tnejn u erbgħin.

63Minn fost il-qassisin kien hemm ulied Habaja, ulied Hakkos, ulied Barżillaj, li
kien iżżewweġ waħda mill-bniet ta' Barżillaj, il-Gilgħadi, u beda jissejjaħ
b'isimhom.

64Dawn fittxew ir-reġistri tal-arblu tar-razza tagħhom, imma ma sabuhomx; u
għalhekk tneħħew minn fost il-qassisin.


© 2020 Malta Bible Society.

65U l-gvernatur qalilhom biex ma jiklux mill-ikel ikkonsagrat sa ma jinsab qassis
bl-Urim u t-Tummim.

66Il-ġemgħa kollha f'daqqa kienet tgħodd tnejn u erbgħin elf, tliet mija u sittin.

67Dan mingħajr il-qaddejja tagħhom irġiel u nisa, li kienu jgħoddu sebat elef, tliet
mija u sebgħa u tletin, u mingħajr il-kantanti tagħhom, rġiel u nisa, li b'kollox
kienu mitejn u ħamsa u erbgħin.

68L-iġmla kienu erba' mija u ħamsa u tletin, il-ħmir sitt elef, seba' mija u għoxrin.

69Uħud mill-kapijiet tal-familji taw offerti, biex ikun jista' jsir ix-xogħol. Il-
gvernatur ta lit-teżor elf darik tad-deheb, ħamsin bieqja, u ħames mija u tletin
libsa tal-qassisin.

70Xi wħud mill-kapijiet tal-familji taw lit-teżor, li kien qiegħed jiġbor għax-
xogħol, għoxrin elf darik tad-deheb u elfejn u mitejn mina tal-fidda.

71Dak li ta l-bqija tal-poplu kien ilaħħaq għoxrin elf darik tad-deheb, elfejn mina
tal-fidda, u sebgħa u sittin libsa tal-qassisin.

72U l-qassisin, il-Leviti, l-għases tal-bibien tat-tempju, il-kantanti, xi wħud mill-
poplu, u l-ilsiera tat-tempju, u Iżrael kollu, marru joqogħdu fl-ibliet tagħhom.

# Neħemija 8

### Il-qari tal-Liġi u l-festa tal-Għerejjex

1Ulied Iżrael kienu fl-ibliet tagħhom imma meta wasal is-seba' xahar il-poplu
kollu nġabar flimkien fil-misraħ ta' quddiem Bieb l-Ilma, u talbu lil Esdra l-
iskriba biex iġib il-Ktieb tal-Liġi ta' Mosè li l-Mulej kien ta lil Iżrael.

2Kien l-ewwel tas-seba' xahar mela, u Esdra l-qassis ġieb il-Liġi quddiem il-
ġemgħa, li kienet magħmula minn irġiel, nisa u oħrajn, li kienu jifhmu dak li
jisimgħu.

3U mis-sebħ sa nofsinhar qara minnu quddiem l-irġiel, in-nisa, u dawk li kienu
kapaċi jifhmu, iħares lejn il-misraħ li hemm quddiem Bieb l-Ilma. U l-poplu kollu
kien attent jisma' l-qari tal-Ktieb tal-Liġi.

4Esdra l-iskriba kien wieqaf fuq palk tal-injam, li kienu waqqfu għall-okkażjoni;
fuq il-lemin tiegħu kien hemm weqfin ħdejh Mattitija, Sema, Għanajja, Urija,
Ħilkija, Magħxija; u fuq ix-xellug Pedaja, Misael, Malkija, Ħasum, Ħasabbana,
Żakkarija, u Mesullam.

5Imbagħad Esdra fetaħ il-Ktieb u raħ kulħadd jagħmel dan billi kien fil-għoli 'l
fuq mill-poplu kollu. U meta fetaħ il-ktieb kulħadd qam bilwieqfa.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

6U Esdra bierek il-Mulej, Alla l-kbir, u l-poplu kollu b'idejh merfugħin 'il fuq wieġeb: "Ammen, ammen." U nxteħtu għarkupptejhom b'wiċċhom mal-art jagħtu qima lill-Mulej.

7Ġożwè, Bani, Serebija, Ġamin, Għakkub, Sabtaj, Hodija, Magħxija, Kelita, Għażarija, Ġożabad, Hanan, Pelaja, u l-Leviti, qagħdu jgħallmu l-Liġi lill-poplu, u l-poplu baqa' wieqaf fejn kien.

8Dawn qraw mill-Ktieb tal-Liġi b'mod li jiftiehem, fissruh, u spjegaw il-qari.

9Imbagħad il-gvernatur, Esdra, il-qassis u skriba, u l-Leviti li kienu qegħdin jgħallmu lill-poplu, qalu lin-nies kollha: "Dan hu jum qaddis, ikkonsagrat lill-Mulej Alla tagħkom. Titnikktux u tibkux!" Għax il-poplu kollu kien infexx jibki meta sama' kliem il-Liġi.

10U żiedu jgħidulhom: "Morru u kulu laħam imsemmen u ixorbu nbid ħelu, u lil dak li ma ħejjewlu xejn ibagħtulu sehem minn dak li għandkom. Dan hu jum qaddis għall-Mulej. La ssewdux qalbkom, għax il-ferħ tal-Mulej il-qawwa tagħkom."

11U l-Leviti komplew iqawwu qalb il-poplu u jgħidulu: "Isktu! Dan hu jum qaddis. La ssewdux qalbkom."

12Imbagħad il-poplu kollu telaq biex jiekol u jixrob, u jibgħat jaqsam ma' ħaddieħor, u biex jagħmel festa b'ferħ kbir, għax kien fehem dak kollu li kienu għallmuh.

13Fit-tnejn tax-xahar, imbagħad, iltaqgħu għand Esdra l-iskriba, il-kapijiet tal-familji tal-poplu kollu, il-qassisin, u l-Leviti, biex jistudjaw kliem il-Liġi.

14U sabu miktub fil-Liġi li l-Mulej kien ordna permezz ta' Mosè li nhar il-festa tas-seba' xahar ulied Iżrael għandhom jgħammru fl-għerejjex,

15u li għandhom isemmgħu u jwasslu leħenhom fl-ibliet kollha u f'Ġerusalemm, u jgħidu: "Oħorġu lejn il-muntanji, u ġibu friegħi taż-żebbuġ, friegħi tal-arżnu, friegħi tar-riħan, friegħi tal-palm, u friegħi ta' siġar li jagħmlu ħafna weraq, ħa tibnu għerejjex skont ma hu miktub."

16U l-poplu kollu ħareġ u ġieb il-friegħi, u kulħadd bena għerejjex: fuq il-bjut, fil-btieħi, fil-btieħi tat-tempju ta' Alla, fil-misraħ ta' quddiem Bieb l-Ilma, u fil-misraħ ta' quddiem Bieb Efrajm.

17Il-ġemgħa kollha li kienet reġgħet lura mill-eżilju bniet għerejjex, u għammret fihom; ulied Iżrael ma kinux għamlu dan sa minn żmien Ġożwè bin Nun sa dakinhar. U kien hemm ferħ kbir.

18U Esdra kien jaqra kuljum mill-Ktieb tal-Liġi ta' Alla, mill-ewwel jum sal-aħħar jum taċ-ċelebrazzjonijiet. Għamlu festa għal sebat ijiem, u fit-tmien jum iltaqgħu flimkien skont ma hu preskritt.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

# Neħemija 9

## L-istqarrija tad-dnubniet

1Fl-erbgħa u għoxrin ta' dak ix-xahar iltaqgħu ulied Iżrael lebsin l-ixkejjer u bit-
trab fuq rashom biex jagħmlu sawma.

2U nisel Iżrael infired minn ulied il-barranin, u qamu u stqarrew dnubiethom u
l-ħażen ta' missirijiethom.

3Qamu bilwieqfa fejn kienu u qraw mill-Ktieb tal-Liġi tal-Mulej Alla tagħhom
għal kwart ta' jum, u għal tliet sigħat oħra stqarrew dnubiethom, u taw qima lill-
Mulej Alla tagħhom.

4Telgħu fuq il-palk il-Leviti Ġożwè, Bani, Kadmijel, Sebanija, Bunni, Serebija u
Kenani, u sejħu b'leħen għoli lill-Mulej, Alla tagħhom.

5U l-Leviti Ġożwè, Kadmijel, Bani, Ħasabnija, Serebija, Hodija, Sebanija u Petaħija
qalu: "Qumu u bierku lill-Mulej Alla tagħkom għal dejjem ta' dejjem. Ħa jbierku
fuq kull barka oħra, u tifħir ieħor l-isem glorjuż u għoli tiegħek.

6Int waħdek il-Mulej int għamilt is-smewwiet, is-smewwiet tas-smewwiet, u l-
eżerċti kollha tagħhom, u l-art u kulma fiha, l-ibħra u kulma fihom. Int
iżżommhom ħajja, lilek iqimu l-eżerċti tas-smewwiet.

7Int il-Mulej Alla, li għażilt lil Abram, ħriġtu minn Ur tal-Kaldin, u bdiltlu ismu
f'Abraham,

8Sibtu fidil lejk u għamilt patt miegħu, li tagħti lin-nisel tiegħu, art il-Kangħanin,
il-Ħittin, l-Amurrin, il-Periżżin, il-Ġebusin, u l-Girgasin. U Int żammejt kelmtek
għax int ġust.

9"Int rajt il-miżerja ta' missirijietna fl-Eġittu, u tajt widen għall-għajta tagħhom
meta kienu ħdejn Baħar il-Qasab.

10U għamilt sinjali u għeġubijiet kontra l-Fargħun, il-qaddejja tiegħu kollha, u
nies artu, għax int kont taf li kienu tkabbru ma' missirijietna, u dakinhar għamilt
għalik isem li għadu jissemma sal-lum.

11U l-baħar fraqt quddiemhom, u f'mogħdija niexfa qasmu f'nofs ta' baħar, imma
lil dawk li kienu miexja wrajhom, fil-qiegħ niżżilthom, bħallikieku ġebla f'ilmiet
qawwija.

12B'kolonna ta' sħab mexxejthom matul il-jum, u b'kolonna ta' nar matul il-lejl,
biex idawlilhom it-triq li kellhom jgħaddu minnha.

13U int inżilt fuq il-muntanja tas-Sinaj, u tkellimt magħhom mis-smewwiet, u
tajthom digrieti ġusti, liġijiet ta' min jorbot fuqhom, u kmandamenti u preċetti
tajbin.


© 2020 Malta Bible Society.

14Qaddist is-Sibt u għarrafthom bih, u permezz ta' Mosè l-qaddej tiegħek tajthom
preċetti, kmandamenti, u liġi.

15Tajthom ħobż mis-sema biex jaqtgħu l-ġuħ, ħriġtilhom ilma mill-blata biex
jaqtgħu l-għatx, u għedtilhom biex imorru jirtu l-art, li b'idejk merfugħa ħlift li
tagħtihom.

16"Imma huma u missirijietna tkabbru u webbsu rashom, u ma tawx widen għall-
preċetti tiegħek.

17Ma riedu jisimgħu b'xejn, u ma ftakrux fl-għeġubijiet li inti kont għamilt
magħhom; u baqgħu rashom iebsa. Anzi waħħlu f'rashom li jerġgħu lura lejn il-
jasar tagħhom fl-Eġittu. Imma int Alla taħfer, ħafif biex tħenn, bil-mod biex
tagħdab, imma tħenn ħafna, għalhekk int ma tlaqthomx weħidhom.

18Saħansitra meta għamlu għoġol tal-metall imdewweb, u qalu: 'Dan hu Alla
tagħkom li ħariġkom mill-Eġittu,' u għamlu dnubiet kbar.

19Int, fit-tjieba kbira tiegħek, ma tlaqthomx weħidhom fid-deżert; il-kolonna ta'
sħab ma warrbitx minn magħhom matul il-jum, imma baqgħet turihom it-triq, u
l-kolonna tan-nar baqgħet iddawlilhom billejl it-triq li kienu mexjin fiha.

20Biex jgħallimhom tajthom l-ispirtu tajjeb tiegħek, ma ċħadtilhomx li jieklu l-
manna tiegħek, u tajthom ilma biex jaqtgħu għatxhom.

21Għal erbgħin sena tajthom kulma kienu jeħtieġu fid-deżert, u ma kien
jonqoshom xejn. L-ilbies tagħhom ma therriex, u riġlejhom ma ntefħux.

22Tajthom ukoll saltniet u popli, u ffissajtilhom il-fruntieri tagħhom. Hadu
f'idejhom art Siħon, sultan ta' Hesbon, u art Għog, sultan ta' Basan.

23Kattart 'l uliedhom daqs il-kwiekeb tas-sema, u wassalthom sal-art li kont
wegħedt lil missirijiethom li għad jiġu fiha biex jeħduha f'idejhom.

24U wliedhom ġew, u ħadu f'idejhom l-art; u baxxejt quddiemhom u tajthom
f'idejhom lil dawk li kienu joqogħdu fil-pajjiż - il-Kangħanin - is-slaten tal-art u
n-nies tagħha, biex jagħmlu bihom dak li kien jogħġobhom.

25Hadu f'idejhom bliet bis-swar u art għammiela, u wirtu djar mimlija b'kull
xorta ta' ħwejjeġ tajba, bjar imħaffra minn ħaddieħor, għelieqi tad-dwieli u ż-
żebbuġ, u siġar li jagħmlu ħafna frott. U kielu u xebgħu, simnu u thennew, għax
int kont tajjeb ħafna magħhom.

26"Imma huma lilek iddisprezzaw, u qamu kontra tiegħek; il-liġi tiegħek
tefgħuha wara spallejhom, u qatlu l-profeti tiegħek, għax ħaduha magħhom, biex
ireġġgħuhom lura lejk. Huma baqgħu jidinbu bl-ikrah.

27Tajthom f'idejn l-għedewwa tagħhom u għakksuhom; imma fi żmien id-
dwejjaq tagħhom sejħu lilek, u int, mis-smewwiet, smajthom, u bgħattilhom


© 2020 Malta Bible Society.

feddejja skont il-ħniena kbira tiegħek, u dawn fdewhom minn idejn l-għedewwa tagħhom.

28Imma kif kienu jsibu l-mistrieħ, kienu jerġgħu bħal qabel, u jagħmlu dak li hu ħażin quddiemek. Int kont titlaqhom f'idejn l-għedewwa tagħhom, u dawn kienu jaħkmu fuqhom. Imma mbagħad kienu jerġgħu lura, u jsejħu lilek, u int mis-smewwiet kont tismagħhom. Kemm-il darba ħlisthom skont il-ħniena tiegħek.

29U ħadtha magħhom biex treġġagħhom lura għal-Liġi tiegħek, imma huma tkabbru, u ma tawx widen għall-kmandamenti tiegħek, u dinbu meta ma qagħdux għall-ġudizzju tiegħek. Jekk wieħed joqgħod għall-ġudizzji tiegħek ikollu l-ħajja permezz tagħhom, imma huma ma ridux jerfgħu l-piż tagħhom, u webbsu rashom, u ma ridux jisimgħu.

30Int stabart bihom għal ħafna snin, u ħadtha magħhom permezz tal-profeti tiegħek, li kellhom l-ispirtu tiegħek, imma huma ma tawx widen. Int għalhekk tlaqthom f'idejn il-ġnus barranin.

31Imma fil-ħniena kbira tiegħek, int ma ġibthomx fix-xejn, u lanqas ħallejthom weħidhom, għax int Alla ħanin u twajjeb.

32"U issa, o Alla tagħna, int Alla kbir, qawwi, u tal-biża', tħares il-patt u tagħmel il-ġid, tħarisx fuq it-tbatijiet tagħna bħallikieku kienu ħaġa ta' xejn, it-tbatijiet li minn żmien is-slaten tal-Assirja sal-lum ġew fuqna, fuq is-slaten tagħna, il-kapijiet tagħna, il-qassisin tagħna, il-profeti tagħna, missirijietna, u l-poplu kollu.

33Madankollu, int kont ġust f'dak kollu li ġie fuqna, għax int żammejt kelmtek, filwaqt li aħna għamilna dak li hu ħażin.

34Is-slaten tagħna, il-kapijiet tagħna, il-qassisin tagħna, u missirijietna, ma qagħdux għal-Liġi tiegħek, u ma tawx widen għall-kmandamenti u l-preċetti tiegħek, li kont widdibthom fuqhom.

35Huma gawdew is-saltna tagħhom, il-ġid kbir li għamilt magħhom, l-art kbira u għammiela li tajthom quddiemhom; imma lilek ma qdewkx, u ma reġgħux lura mill-għemejjel ħżiena tagħhom.

36Ara, aħna llum ilsiera; l-art, li tajt lil missirijietna biex jieklu mill-frott u mill-ġid tagħha, ara, aħna qegħdin ngħixu qisna lsiera fiha.

37L-art tkattar l-uċuħ tagħha għas-slaten, li qegħedtilna fuqna minħabba dnubietna; u huma jaħkmu fuq ġisimna u fuq il-bhejjem tagħna kif jogħġobhom. Ninsabu mdejqin għall-aħħar."

## Neħemija 10

### Ftehim bil-miktub għar-riforma

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[1]Minħabba f'dan kollu għamilna ftehim bil-miktub, u qiegħdu s-siġill tagħhom fuqu l-kapijiet tagħna, il-Leviti tagħna, u l-qassisin tagħna.

[2]Dawk li ffirmawh kienu: Neħemija l-gvernatur, bin Ħakalija, u Sedekija.

[3]Xeraja, Għażarija, Ġeremija,

[4]Pasħur, Amarija, Malkija,

[5]Ħattus, Sebanija, Malluk,

[6]Ħarim, Meremot, Għobadija,

[7]Danjel, Ginneton, Bàruk,

[8]Mesullam, Abija, Mijjamin,

[9]Magħżija, Bilgaj u Semajja; dawn kienu l-qassisin.

[10]Il-Leviti kienu: Ġożwè bin Ażanija, Binnuwi, wieħed minn ulied Ħenadad, u Kadmijel;

[11]ħuthom Sebanija, Hodija, Kelita, Pelaja, Ħanan,

[12]Mika, Reħob, Ħasabija,

[13]Żakkur, Serebija, Sebanija,

[14]Hodija, Bani u Beninu.

[15]Il-kapijiet tal-poplu kienu: Pargħos, Paħat-mowab, Għelam, Żattu, Bani,

[16]Bunni, Għażgad, Bebaj,

[17]Adonija, Bigwaj, Għadin,

[18]Ater, Ħeżekija, Għażżur,

[19]Hodija, Ħassum, Besaj,

[20]Ħarif, Għanatot, Nebaj,

[21]Magfigħas, Mesullam, Ħeżir,

[22]Meseżabel, Sadok, Gaddugħa,

[23]Pelatija, Ħanan, Għananija,

[24]Hosegħa, Ħananija, Ħasub,

[25]Halloħes, Pilħa, Sobek,

[26]Reħum, Ħasabna, Magħxija,

[27]Aħija, Ħanan, Għanan,

[28]Malluk, Ħarim, u Bagħna.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

29Il-bqija tal-poplu, il-qassisin, il-Leviti, il-purtinara, il-kantanti, u l-ilsiera tat-tempju, kull min kien infired minn nies l-art biex joqgħod għal-Liġi ta' Alla, in-nisa tagħhom u wliedhom, subien u bniet, dawk kollha li kellhom il-ħila jagħrfu u jifhmu,

30issieħbu ma' ħuthom ogħla minnhom, u ħadu ġurament u ħalfu li jimxu skont il-Liġi li Alla kien ta permezz ta' Mosè, il-qaddej ta' Alla, u li jħarsu u josservaw il-kmandamenti kollha tal-Mulej, Sidna, u d-digrieti u l-preċetti tiegħu.

31Ħalfu li ma nagħtux il-bniet tagħna lin-nies tal-art biex jiżżewġuhom, u li ma niħdux il-bniet tagħhom għas-subien tagħna.

32U jekk in-nies tal-art iġibu xi affarijiet jew xi xorta ta' qamħ biex ibigħuhom nhar ta' Sibt, jew f'xi jum ieħor qaddis, ma nixtruhomx mingħandhom. Naħfru wkoll dak li jmissna u dak li għandna nieħdu darba kull seba' snin.

33Intrabatna wkoll b'Liġi li nagħtu terz ta' xekel fis-sena għas-servizz fit-tempju ta' Alla tagħna;

34ħobż tal-preżenza għal quddiem il-Mulej, għall-offerta ta' kuljum, għas-sagrifiċċju tal-ħruq li ma kien jaqta' xejn, għas-Sibtijiet, għal jiem il-qamar ġdid, għall-festi, għall-jiem qaddisa, għas-sagrifiċċji tal-purifikazzjoni ta' Iżrael, u għal kull ħaġa oħra li kienet issir fit-tempju ta' Alla tagħna.

35U tellajna x-xorti, qassisin, Leviti, u poplu, għall-offerta tal-injam li sena wara sena għandha tinġieb fit-tempju ta' Alla tagħna mill-familji ta' missirijietna fi żminijiet fissi biex tiġi maħruqa fuq l-artal tal-Mulej, Alla tagħna, kif inhu miktub fil-Liġi.

36Intrabatna wkoll li kull sena nġibu l-uċuħ bikrija tar-raba' tagħna u l-frott bikri tas-siġar tagħna fit-tempju tal-Mulej,

37ukoll l-ewwel ulied ta' wliedna u tal-bhejjem tagħna kif inhu miktub fil-Liġi. Inġibu wkoll fit-tempju ta' Alla tagħna l-ewwel frieħ tal-imrieħel tal-bhejjem kbar u żgħar tagħna għand il-qassisin li jagħtu s-servizz tagħhom fit-tempju ta' Alla tagħna.

38U l-ewwel għaġna tagħna, l-għotjiet tagħna, il-frott tas-siġar tagħna, u l-inbid u ż-żejt tagħna, inġibuhom lill-qassisin fil-kmamar tat-tempju ta' Alla tagħna. L-għexur tal-art tagħna nagħtuhom lil-Leviti, għax huma l-Leviti li jiġbru l-għexur tal-ibliet tagħna fejn naħdmu aħna.

39Meta l-Leviti jiġbru l-għexur tagħhom għandu jkun hemm magħhom qassis min-nisel ta' Aron. Il-Leviti, imbagħad, iġibu l-għexur tal-għexur tagħhom fit-tempju ta' Alla tagħna, fl-imħażen tat-teżor,

40għax hu fil-kmamar tat-tempju li wlied Iżrael u wlied il-Leviti jġibu l-offerti tal-qamħ, tal-inbid, u taż-żejt. Hemm l-oġġetti sagri, u hemm joqogħdu l-qassisin li


© 2020 Malta Bible Society.

jagħtu s-servizz tagħhom fit-tempju, il-purtinara u l-kantanti. Aħna ma nitilqux it-tempju ta' Alla tagħna.

## Neħemija 11

### Iżjed nies jiġi joqogħdu Ġerusalemm

1Ġerusalemm kienu joqogħdu l-kapijiet tal-poplu; għalhekk il-poplu tella' x-xorti biex wieħed minn kull għaxra minnhom iġibuh joqgħod Ġerusalemm, il-belt qaddisa, u d-disgħa l-oħra jibqgħu fl-ibliet.

2Il-poplu bierek l-irġiel li minn rajhom iddeċidew li joqogħdu Ġerusalemm.

3Dawn huma l-kapijiet tal-provinċja li kienu joqogħdu Ġerusalemm. Iżrael, il-qassisin, il-Leviti, l-ilsiera tat-tempju, u wlied il-qaddejja ta' Salamun, kienu joqogħdu fl-ibliet ta' Ġuda, kulħadd fil-wirt tiegħu, kulħadd fil-belt tiegħu.

### Dawk li kienu joqogħdu Ġerusalemm

4Ġerusalemm kienu joqogħdu wħud minn ulied Ġuda u oħrajn minn ulied Benjamin. Minn ulied Ġuda kien hemm: Għatajja bin Għużżija, bin Żakkarija, bin Amarija, bin Sefatija, bin Meħlalel, wieħed minn ulied Pereż;

5u Magħxija bin Bàruk, bin Kolħożi, bin Hażajah, bin Għadaja, bin Ġojarib, bin Żakkarija, wieħed mis-Siloni.

6Ulied Pereż li kienu joqogħdu Ġerusalemm kienu b'kollox erba' mija u tmienja u sittin, ilkoll irġiel b'saħħithom.

7Dawn kienu wlied Benjamin: Sallu bin Mesullam, bin Ġogħed, bin Pedajja, bin Kolaja, bin Magħxija, bin Itjel, bin Isaija, u

8warajh kien hemm Gabbaj, Sallaj, disa' mija u tmienja u għoxrin minn ħutu.

9Ġoel bin Żikri kien il-kap tagħhom, u Ġuda bin Hassenuwa kien it-tieni wieħed fl-amministrazzjoni tal-belt.

10Mill-qassisin kien hemm: Ġedajja bin Ġojarib, Ġakin,

11Xeraja bin Ħilkija, bin Mesullam, bin Sadok, bin Merajot, bin Aħitub, il-kap tat-tempju ta' Alla,

12u ħuthom li jagħmlu s-servizz fit-tempju, b'kollox tmien mija u tnejn u għoxrin; u Għadajja bin Ġeroħam, bin Pelalija, bin Amsi, bin Żakkarija, bin Pasħur, bin Malkija,

13u ħutu, il-kapijiet tal-familji, li kienu jgħoddu mitejn u tnejn u erbgħin; u Għamassaj bin Għażarel, bin Aħżaj, bin Mesillemot, bin Immer,

14u ħuthom li kienu jgħoddu mija u tmienja u għoxrin, ilkoll irġiel b'saħħithom. Il-mexxej ta' dawn kien Żabdijel, bin il-kbarat tal-belt.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

15Mil-Leviti kien hemm: Samajja bin Ħassub, bin Għażrikam, bin Ħasabija, bin Bunni;

16u Sabtaj u Ġożabad, tnejn mill-kapijiet tal-Leviti, li kienu jmexxu x-xogħol barra t-tempju ta' Alla;

17u Mattanija bin Mika, bin Żabdi, bin Asaf, il-mexxej li kien jibda t-talb ta' radd il-ħajr, u Bakbukija, it-tieni wieħed fost ħutu, u Għabda bin Sammugħa, bin Galal, bin Ġedutun.

18Il-Leviti kollha li kienu joqogħdu fil-belt qaddisa kienu mitejn u erbgħa u tmenin.

19U l-purtinara kienu: Għakkub, Talmon, u ħuthom li kienu jieħdu ħsieb il-bibien, b'kollox mija u tnejn u sebgħin.

### Gruppi oħra

20Il-bqija ta' Iżrael, tal-qassisin, u tal-Leviti kienu joqogħdu fl-ibliet l-oħra ta' Ġuda, kulħadd fil-wirt tiegħu.

21Imma l-ilsiera tat-tempju kienu joqogħdu fl-Għofel; u Siħa u Gisfa kienu l-kapijiet tagħhom.

22Il-kap tal-Leviti f'Ġerusalemm kienu Għużżi bin Bani, bin Ħasabija, bin Mattanija, bin Mika, wieħed minn ulied Asaf, li kienu jkantaw fis-servizz fit-tempju ta' Alla.

23Dawn kienu marbutin b'ordni tas-sultan; kienet toħroġ ordni għalihom b'dak li għandhom jagħmlu minn jum għal ieħor.

24Petaħija bin Meseżabel, wieħed minn ulied Żeraħ bin Ġuda, kien il-mibgħut tas-sultan għal dak kollu li għandu x'jaqsam mal-poplu.

### Dawk li kienu joqogħdu barra Ġerusalemm

25Uħud minn ulied Ġuda kienu joqogħdu fl-irħula bir-raba' tagħhom: F'Kirjat-arba u l-irħula tagħha, f'Dibon u l-irħula tagħha, u f'Ġekabsel u l-irħula tagħha,

26f'Ġesugħa, f'Molada, f'Bet-pelet,

27f'Ħasar-sugħal, f'Birsaba u l-irħula tagħha,

28f'Siklag, f'Mekuna u l-irħula tagħha,

29f'Għajn-rimmon, f'Sorgħa, f'Ġarmut,

30f'Żanuħa, f'Għadullam u l-irħula tagħha, f'Lakis u l-inħawi tagħha, f'Għażeka u l-irħula tagħha. Kienu jgħammru minn Birsaba sal-Wied ta' Hinnom.

31Ulied Benjamin kienu jgħammru minn Geba 'l hemm, f'Mikmas, Għaj, Betel u l-irħula tagħha,

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

32Għanatot, Nob, Għananija,

33Hasor, Rama, Gittajm,

34Hadid, Seboghim, Neballat,

35Lod, Onu, Ge-ħaħarasim.

36Fost il-Leviti kien hemm biċċa joqogħdu f'Ġuda u biċċa f'Benjamin.

## Neħemija 12

### Qassisin u Leviti li reġgħu lura ma' Żerubbabel u Ġożwè

1Dawn huma l-qassisin u l-Leviti li telgħu mill-eżilju ma' Żerubbabel bin Sijaltijel,
u Ġożwè: Xeraja, Ġeremija, Esdra,

2Amarija, Malluk, Hattus,

3Sekanija, Reħum, Meremot,

4Għiddu, Ginnetoj, Abija,

5Mijjamin, Magħdija, Bilga,

6Semajja, Ġojarib, Ġedajja,

7Sallu, Għamok, Hilkija, u Ġedajja. Dawn kienu l-kapijiet tal-qassisin u ħuthom fi
żmien Ġożwè.

8Il-Leviti kienu: Ġożwè, Binnuwi, Kadmijel, Serebija, Ġuda, Mattanija li flimkien
ma' ħutu kien imexxi l-kant tal-innijiet;

9ħuthom Bakbukija u Għunni kienu joqogħdu f'taqsimiet biswit tagħhom.

10Ġożwè wiled lil Ġojakim; Ġojakim wiled lil Eljasib; Eljasib wiled lil Ġojada;

11Ġojada wiled lil Ġonatan; Ġonatan wiled lil Gaddugħa.

### Qassisin u Leviti fi żmien Ġojakim

12Fi żmien Ġojakim, il-qassisin kapijiet tal-familji kienu: Meraja, kien il-kap tal-
familja ta' Xeraja; tal-familja ta' Ġeremija kien Hananija;

13tal-familja ta' Esdra, Mesullam; tal-familja ta' Aramija, Ġeħoħanan;

14tal-familja ta' Meliki, Ġonatan; tal-familja ta' Sebanija, Ġużeppi;

15tal-familja ta' Harim, Għadna; tal-familja ta' Merajot, Halkaj;

16tal-familja ta' Għiddu, Żakkarija; tal-familja ta' Ginneton, Mesullam;

17tal-familja ta' Abija, Żikri; tal-familja ta' Mijjamin …; tal-familja ta' Mogħadija,
Peltaj;

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

18tal-familja ta' Bilga, Sammugħa; tal-familja ta' Semmajja, Ġeħonatan;

19tal-familja ta' Ġeħojarib, Mattenaj; tal-familja ta' Ġedajja, Għużżi;

20tal-familja ta' Sallaj, Kallaj; tal-familja ta' Għamok, Għeber;

21tal-familja ta' Hilkija, Ħasabija; tal-familja ta' Ġedajja, Netanjel.

22Fi żmien Eljasib, Ġojada, Ġoħanan, u Gaddugħa, il-Leviti kienu ġew irreġistrati bħala kapijiet tal-familji, filwaqt li l-qassisin kienu ġew irreġistrati sa żmien Darju, sultan tal-Persja.

23Il-Leviti, kapijiet tal-familji, kienu ġew irreġistrati fil-Ktieb tal-Kronaki sa żmien Ġoħanan bin Eljasib.

24Il-kapijiet tal-Leviti kienu: Ħasabija, Serebija, Ġożwè, Binnuwi, Kadmijel, u ħuthom li kienu joqogħdu biswit tagħhom, ġemgħa daqs oħra, biex ifaħħru u jiżżu ħajr skont ma kien ordna David, il-qaddej ta' Alla.

25Mattanija, Bakbukija, Għobadija, Mesullam, Talmon, Għakkub, kienu joqogħdu mal-bibien għassa tal-imħażen ta' ħdejn il-bibien.

26Dawn kienu jgħixu fi żmien Ġojakim bin Ġożwè, bin Ġosadaj, u fi żmien Neħemija, il-gvernatur, u Esdra, il-qassis u skriba.

## Id-dedikazzjoni ta' Ġerusalemm

27Għad-dedikazzjoni tas-swar ta' Ġerusalemm fittxew kullimkien għal-Leviti u ġabuhom Ġerusalemm biex jiċċelebraw id-dedikazzjoni bil-ferħ, b'tifħir, b'għana, u b'daqq taċ-ċimbali, tal-arpi u taċ-ċetri.

28Inġabru wkoll il-kantanti mill-inħawi ta' madwar Ġerusalemm, mill-irħula tan-Netufin,

29minn Bet-gilgal, u mill-inħawi ta' Geba u Għażmawet, għax il-kantanti kienu bnew għalihom għadd ta' rħula madwar Ġerusalemm.

30U l-qassisin u l-Leviti ppurifikaw irwieħhom, u mbagħad ippurifikaw il-poplu, id-daħliet, u s-swar.

31Imbagħad jien tellajt fuq is-swar il-kbarat ta' Ġuda. Waqqaft ukoll żewġ korijiet kbar, u wieħed minnhom mexa lejn il-lemin fuq is-swar, lejn Bieb id-Demel.

32Warajhom imxew Hosajja u nofs il-kbarat ta' Ġuda,

33Għażarija, Esdra, Mesullam,

34Ġuda, Benjamin, Semajja, Ġeremija,

35u wħud mill-qassisin bit-trumbetti. Żakkarija bin Ġonatan, bin Semajja, bin Mattanija, bin Mikija, bin Żakkur, bin Asaf,

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

36u ħutu Semajja, Għażarel, Milalaj, Gilalaj, Magħaj, Netanjel, Ġuda, u Ħanani, imxew bl-istrumenti tad-daqq ta' David, il-bniedem ta' Alla. Quddiemhom mexa Esdra l-iskriba.

37F'Bieb il-Għajn telgħu t-taraġ ta' quddiemhom għall-belt ta' David fejn jogħla l-ħajt, għaddew il-Palazz ta' David, u waslu f'Bieb l-Ilma n-naħa tal-Lvant.

38It-tieni kor mexa lejn ix-xellug; jien kont fuq wara. Nofs il-poplu mexa fuq is-swar mit-Torri tal-Ifran lejn il-Ħajt il-Wiesa',

39għaddew minn fuq Bieb Efrajm, Bieb Ġesena, Bieb il-Ħut, it-Torri ta' Ħananel, it-Torri tal-Mija, sa Bieb in-Nagħaġ, u waqfu f'Bieb il-Għassa.

40Imbagħad iż-żewġ korijiet waqfu fit-tempju ta' Alla; jien kont hemm ukoll flimkien ma' nofs l-uffiċjali tal-poplu.

41Kienu hemm ukoll bit-trumbetti l-qassisin Eljakim, Magħxija, Minjamin, Mikija, Elijugħenaj, Żakkarija, u Ħananija.

42Kien hemm ukoll Magħxija, Semajja, Elgħażar, Għużżi, Ġeħoħanan, Malkija, Għelam, u Għeżer. Il-kantanti kantaw b'leħen sod taħt it-tmexxija ta' Ġeżraħija.

43Dakinhar il-poplu offra sagrifiċċji kbar, u kulħadd kien ferħan għax Alla kien imliehom b'ferħ kbir. Ferħu wkoll in-nisa tagħhom u wliedhom, u l-għajjat ta' ferħ f'Ġerusalemm kien jinstema' mill-bogħod.

### Il-proviżjon għall-ministri tal-kult

44Dakinhar ġew maħtura xi wħud biex jieħdu ħsieb il-kmamar tat-teżor, tal-offerti, tal-frott tal-bikri, u tal-għexur, u biex jiġbru fihom mill-għelieqi ta' madwar l-ibliet is-sehem li kien imiss lill-qassisin u lil-Leviti skont il-Liġi. Għax il-Lhud kienu ferħanin li kien hemm mill-ġdid qassisin u Leviti,

45li flimkien mal-kantanti u mal-purtinara kienu jieħdu ħsieb il-kult ta' Alla tagħhom u r-riti tal-purifikazzjoni skont kif kienu ordnawlhom David u ibnu Salamun.

46Mill-qedem, minn żmien David u Asaf, il-kantanti kellhom il-kapijiet tagħhom, u kienu jkantaw għana ta' tifħir u ta' radd il-ħajr lil Alla.

47U fi żmien Żerubbabel u fi żmien Neħemija Iżrael kollu, jum wara ieħor, kien jagħti sehem minn ġidu lill-kantanti u lill-purtinara. Kienu jagħtu wkoll il-partijiet ikkonsagrati lil-Leviti, u l-Leviti kienu jagħtuhom lil ulied Aron.

## Neħemija 13

### It-tkeċċija tal-barranin

1Dakinhar inqraw quddiem il-poplu siltiet mill-Ktieb ta' Mosè u nstab miktub fih li l-Għammonin u l-Mowabin ma għandhom qatt jidħlu fil-ġemgħa tal-Mulej.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

2 Għax dawn ma laqgħux 'l ulied Iżrael b'ikel u xorb, imma krew kontra tagħhom lil Balgħam biex jisħethom. Madankollu, Alla tagħna dawwar is-saħta f'barka.

3 Meta semgħu l-Liġi, bagħtu 'l barra minn Iżrael il-barranin kollha.

### Neħemija jkeċċi lil Tobija

4 Qabel dan kien hemm Eljasib, il-qassis li kien jieħu ħsieb il-kmamar tat-tempju, u dan kellu wieħed jiġi minnu jismu Tobija.

5 U Eljasib irranġalu kamra kbira fejn qabel kienu jintrefgħu l-offerti, l-inċens, l-oġġetti sagri, l-għexur tal-qamħ, inbid u żejt, li skont il-Liġi kienu jmissu lil-Leviti, lill-kantanti, u lill-purtinara, u fejn qabel kienu jintrefgħu l-offerti tal-qassisin.

6 Meta kien qiegħed jiġri dan kollu jien ma kontx Ġerusalemm, għax kont mort lura għand is-sultan fit-tnejn u tletin sena ta' Artasersi, sultan ta' Babilonja, u kien wara xi żmien li jien tlabt li nħalli lis-sultan.

7 Imbagħad ġejt Ġerusalemm, u fhimt li dak li Eljasib kien għamel għal Tobija kien ħażin, jiġifieri li rranġalu kamra fit-tempju ta' Alla.

8 Deherli li dan kien ħażin ħafna u tfajt 'il barra mill-kamra l-għamara kollha ta' Tobija,

9 u ordnajt li jiġu ppurifikati l-kmamar. Imbagħad ħadt lura hemm l-oġġetti tat-tempju ta' Alla, l-offerti, u l-inċens.

### Jerġgħu jibdew jingħataw l-għexur lil-Leviti

10 Sirt naf ukoll li ma kinux qed jingħataw offerti lil-Leviti, u għalhekk il-Leviti u l-kantanti, li soltu kienu jagħmlu s-servizz fit-tempju, telqu kollha lejn l-għelieqi tagħhom.

11 Hadtha mal-uffiċjali u għedtilhom: "Għala ġie mitluq it-tempju ta' Alla?" Imbagħad ġbarthom, u qegħedthom lura f'posthom.

12 U l-Lhud kollha ġiebu l-għexur tal-qamħ, tal-inbid, u taż-żejt fit-teżor.

13 Biex jieħdu ħsieb it-teżor jien ħtart lil Selemija, il-qassis, lil Sadok, l-iskriba, lil Padajah, wieħed mil-Leviti, u biex jgħinhom lil Ħanan bin Żakkur, bin Mattanija. Dawn kienu miżmumin bħala nies onesti. Xogħolhom kien li jqassmu lil ħuthom dak li kien imisshom.

14 Minħabba f'dan kollu, ftakar fija, o Alla tiegħi, u la tħassarx l-opra tajba li għamilt għat-tempju ta' Alla tiegħi u għas-servizz tiegħu.

### Regolamenti għas-Sibt

15 F'dawk il-jiem rajt f'Ġuda min jagħsar l-inbid b'saqajh is-Sibt, min iġorr il-qatet, min jgħabbi l-ħmir, u saħansitra min iġib Ġerusalemm is-Sibt inbid,

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

għeneb, tin, u kull tagħbija oħra. Dakinhar li biegħu l-affarijiet tal-ikel jien widdibthom bl-aħrax.

16Kien hemm xi nies minn Tir joqogħdu Ġerusalemm, u kienu jġibu ħut u kull xorta ta' oġġetti għall-bejgħ, u kienu jbigħuhom nhar ta' Sibt lil-Lhud f'Ġerusalemm.

17Jien għalhekk ħadtha mal-kbarat ta' Ġuda, u għedtilhom; "X'inhu dan il-ħażen li qegħdin tagħmlu li tipprofanaw is-Sibt?

18Jaqaw mhux hekk għamlu missirijietkom u Alla tagħna ġieb din il-ħsara kollha fuqna u fuq din il-belt? U intom issa qegħdin iżżidu l-għadab tiegħu għal Iżrael billi tipprofanaw is-Sibt?"

19Ġara mbagħad li, kif waqa' d-dlam fuq id-daħliet ta' Ġerusalemm qabel is-Sibt, jien tajt ordni li jissakkru l-bibien, u ordnajt li ma jinfetħux sa ma jkun għadda s-Sibt. Lil xi qaddejja tiegħi jien qegħedthom fuq id-daħliet biex ma jidħlux tagħbijiet nhar ta' Sibt.

20U n-neguzjanti u dawk li kienu jbigħu kull xorta ta' oġġetti għaddew il-lejl barra Ġerusalemm għal darba tnejn.

21Jien imbagħad ħadtha magħhom u għedtilhom: "Għala qegħdin tgħaddu l-lejl taħt is-swar? Jekk terġgħu darb'oħra, naħbat għalikom!" U minn dakinhar ma ġewx iktar nhar ta' Sibt.

22Imbagħad għedt lil-Leviti biex jippurifikaw ruħhom u jmorru jgħassu l-bibien ħa jqaddsu jum is-Sibt. Dan ukoll, Alla tiegħi, ibqa' ftakarhuli, u ħenn għalija skont il-ħniena kbira tiegħek.

## Neħemija jħoll iż-żwiġijiet mal-barranin

23F'dawk il-jiem rajt ukoll li l-Lhud kienu żżewġu nisa minn Asdod, minn Għammon, u minn Mowab,

24u li nofs uliedhom subien kienu jitkellmu bl-ilsien ta' Asdod, u ma kinux jafu jitkellmu bil-Lhudi. Kienu jitkellmu l-ilsien ta' xi poplu jew ieħor.

25Jien għalhekk ħadtha magħhom u sħetthom, ħbatt għal xi wħud minnhom, u qlajtilhom xagħarhom. Jien imbagħad ġagħalthom jaħilfu quddiem Alla li ma jżewġux il-bniet tagħhom ma' subien barranin, u li ma jiħdux nisa għalihom u għal uliedhom subien minn fost il-bniet tal-barranin, u għedtilhom:

26"Ma kienx forsi minħabba fihom li dineb Salamun, sultan ta' Iżrael? Għalkemm ma kienx hemm sultan bħalu fost ħafna ġnus, kien maħbub minn Alla tiegħu, u Alla kien qiegħdu sultan fuq Iżrael kollu, in-nisa barranin ġagħluh jidneb.

27Taħsbu intom li aħna se nisimgħu minnkom, u nagħmlu dan il-ħażen kbir kollu, u nidinbu kontra Alla tagħna billi niżżewġu nisa barranin?"


© 2020 Malta Bible Society.

28Wieħed minn ulied Ġojada bin Eljasib, il-Qassis il-Kbir, kien iżżewweġ lil bint Sanballat il-Ħoroni; jien għalhekk keċċejtu minn miegħi.

29Ftakar fihom, Alla tiegħi, talli pprofonaw is-saċerdozju u l-platt tal-qassisin u l-Leviti.

30Jien għalhekk naddafthom mill-barranin kollha. U qassamt ix-xogħol lill-qassisin u l-Leviti; kull wieħed minnhom kellu x-xogħol tiegħu x'jagħmel.

31Ħsibt ukoll għall-offerta tal-injam li tingħata fi żminijiet fissi, u dwar il-frott tal-bikri. Ftakar fija, Alla tiegħi, biex ikunli ta' ġid.


© 2020 Malta Bible Society.

# Ester Bil-grieg

## Ester Bil-grieg 1

### Festa tas-sultan Assweru

18 18 [1] Kien fi żmien Assweru - dak Assweru li kien isaltan fuq mija u sebgħa u għoxrin provinċja mill-Indja sal-Etjopja.

19 19 [2] Dik il-ħabta s-sultan Assweru kien fuq it-tron tas-saltna tiegħu fiċ-ċittadella ta' Susa.

20 20 [3] Fit-tielet sena tas-saltna għamel festa għall-kbarat u l-ministri, għall-fizzjali tal-Persja u l-Medja, għall-kbarat u gvernaturi tal-provinċji li kienu madwaru.

21 [4] Uriehom il-ġid u l-kobor ta' saltnatu, il-lussu u l-glorja tal-maestà tiegħu. Il-festi damu mija u tmenin jum.

22 22 [5] Meta għaddew dawn il-jiem is-sultan għamel pranzu għall-poplu kollu, mill-kbir saż-żgħir, li kien joqgħod fiċ-ċittadella ta' Susa; il-pranzu sar fil-bitħa tal-ġnien tal-palazz tas-sultan, u dam sejjer sebat ijiem.

23 23 [6] Kien hemm purtieri bojod u vjola mdendla bi ħbula tal-għażel u l-porpra b'ħoloq tal-fidda ma' kolonni tar-rħam. Poġġew divani rrakkmati bid-deheb u l-fidda fuq paviment iċċangat bil-mużajk tal-porfir, irħam, madriperla, u ħaġar imżewwaq.

24 24 [7] Bdew iservu x-xorb f'koppi tad-deheb ta' kull għamla. Is-sultan imbagħad, ta' sultan li kien, tahom inbid bix-xaba'.

25 25 [8] Kollox skont il-liġi, u ħadd ma kien iġiegħel lil ħadd; għax is-sultan lis-servi tal-palazz ordnalhom li jagħmlu ma' kull wieħed kif ikun jogħġbu.

26 26 [9] Is-sultana Vasti wkoll għamlet pranzu għan-nisa fil-palazz tas-sultan Assweru.

### Assweru jwarrab lil Vasti

27 27 [10] Fis-seba' jum, meta ħass qalbu ferħana bl-inbid, is-sultan ordna lil Meħuman, lil Biżta, lil Harbuna, lil Bigta, lil Abgata, lil Żetar, lil Karkas, is-seba' uffiċjali li kienu jservu s-sultan Assweru,

28 28 [11] li jġibulu lis-sultana Vasti quddiemu bil-kuruna ta' sultana fuqha biex juri ġmielha lill-popli u lill-kbarat, għax kienet tassew sabiħa fl-għajn.

29 29 [12] Iżda s-sultana Vasti ma riditx tiġi u tobdi l-ordni tas-sultan, li wasslulha l-uffiċjali. Is-sultan inkorla bis-sħiħ u nxtegħel bil-qilla.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

30 30 [13] Imbagħad sejjaħ lill-għorrief, dawk li kienu jagħrfu ż-żminijiet - għax
din kienet id-drawwa tas-sultan, li jieħu l-parir ta' dawk li kienu jafu l-liġi u l-
ħaqq.

31 31 [14] L-eqreb lejh kienu Karsena, Setar, Admata, Tarsis, Meres, Marsena,
Memukan, is-seba' prinċpijiet tal-Persja u l-Medja, li kienu jaraw wiċċ is-sultan
u kellhom l-ewwel postijiet fis-saltna.

32 32 [15] Imbagħad staqsiehom: "X'titlob il-liġi li jsir mis-sultana Vasti talli ma
għamlitx skont ma kkmanda s-sultan Assweru permezz tal-uffiċjali?"

33 33 [16] Wieġeb Memukan quddiem is-sultan u l-prinċpijiet: "Is-sultana Vasti
naqset u għamlet id-deni mhux biss lis-sultan, iżda lill-prinċpijiet kollha, u l-
popli kollha li jinsabu fil-provinċji tas-sultan Assweru.

34 34 [17] Żgur li toħroġ l-aħbar x'għamlet is-sultana, u tasal għand in-nisa, u issa
lkoll kemm huma ma jistmawx aktar lil żwieġhom, u jgħidu: 'Is-sultan Assweru
ordna li jġibu lil Vasti quddiemu, u din ma ġietx.'

35 35 [18] U llum stess in-nisa tal-kbarat tal-Persja u l-Medja, li semgħu b'din l-
imġiba tas-sultana, imorru jgħiduha lill-prinċpijiet tas-sultan, u jkun hawn
biżżejjed stmerrija u ġlied.

36 36 [19] Mela, jekk jogħġob lis-sultan, ħa joħroġ digriet tas-saltna mingħandu,
u jitniżżel fil-liġijiet tal-Persja u tal-Medja, digriet li ma jitħassarx, li Vasti ma
tersaqx aktar quddiem is-sultan Assweru, u postha ta' sultana s-sultan jagħtih lil
xi oħra aħjar minnha.

37 37 [20] U meta dan id-digriet tas-sultan jisimgħu bih mal-imperu kollu -
imperu kbir tassew - in-nisa kollha, mill-kbira saż-żgħira, jibdew jirrispettaw lil
żwieġhom."

38 38 [21] Dan il-kliem għoġob lis-sultan u lill-prinċpijiet, u s-sultan għamel dak
li qallu Memukan.

39 39 [22] U bagħat ittri lill-provinċji kollha, kull provinċja skont il-kitba tagħha,
u lil kull poplu skont l-ilsien tiegħu, li kull raġel għandu jkun kmand f'daru u
jitkellem kif jiġih f'ilsienu.

## Ester Bil-grieg 2

### Tfittxija għal xebba sabiħa

1 [1] Wara dawn il-ġrajja, xħin għaddietlu l-korla, is-sultan Assweru ftakar
f'Vasti, x'kienet għamlet u x'kien iddeċieda kontriha hu.

2 [2] Il-ministri ta' madwaru qalulu: "Ħa jfittxu tfajliet verġni u sbieħ fl-għajn.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

3[3] Ħa jibgħat is-sultan uffiċjali mal-ibliet tal-imperu kollu, u jġibu lil kull tfajla verġni u sabiħa fl-għajn; imbagħad jiġbruhom fil-ħarem tan-nisa f'Susa, iċ-ċittadella, u jħalluhom f'idejn Hegaj, l-uffiċjal tas-sultan, l-inkarigat min-nisa, u jipprovdulhom il-fwejjaħ.

4[4] It-tfajla, imbagħad, li tkun togħġob lis-sultan, issaltan flok Vasti." Dan il-kliem għoġob lis-sultan, u għamel hekk.

5[5] Fiċ-ċittadella ta' Susa kien hemm raġel Lhudi jismu Mordekaj bin Ġajir, bin Simgħi, bin Kis, mit-tribù ta' Benjamin.

6[6] Dan kien meħud fl-eżilju minn Ġerusalemm, flimkien mas-sultan Ġekonija, sultan ta' Ġuda, u ma' dawk kollha li kien ħa miegħu Nabukodonosor, sultan ta' Babilonja.

7[7] Dan kien qiegħed irabbi lil Hadassa, li hi Ester, bint zijuh, għax la kellha omm u lanqas missier. It-tfajla kienet sabiħa fis-sura tagħha u ġmielha kien jolqot l-għajn; meta mietu missierha u ommha, Mordekaj ħadha b'bintu.

8[8] Meta nstemgħet l-ordni tas-sultan u d-digriet kien imxandar, u ġiebu ħafna tfajliet fiċ-ċittadella ta' Susa, u rħewlhom f'idejn Hegaj, ħadu wkoll lil Ester f'dar is-sultan f'idejn Hegaj, l-inkarigat min-nisa.

9[9] It-tfajla għoġbitu u ħa grazzja magħha. Fittex taha l-fwejjaħ u r-razzjon tal-ikel; u taha wkoll seba' tfajliet magħżula mill-palazz tas-sultan, u qiegħed lilha u t-tfajliet tagħha fl-aħjar taqsima tal-ħarem tan-nisa.

10[10] Ester ma wrietx la ġensha u lanqas il-familja tagħha, għax Mordekaj wissieha biex ma turi xejn.

11[11] U Mordekaj kuljum kien joqgħod jitlajja biswit il-bitħa tal-ħarem tan-nisa ħa jkun jaf kif kienet sejra Ester, u x'kien se jsir minnha.

12[12] It-tfajliet kienu jidħlu ħdejn is-sultan Assweru, kull waħda meta kien imissha, wara preparazzjoni ta' tnax-il xahar kif kien preskritt għan-nisa mqassam b'dan il-mod; sitt xhur kienu jindilku biż-żejt tal-mirra u sitt xhur bil-fwejjaħ u bl-ingwent għan-nisa.

13[13] U meta t-tfajla kienet tiġi biex toħroġ b'dan il-mod mill-ħarem tan-nisa għall-palazz tas-sultan kienet tista' tieħu magħha kulma kienet titlob.

14[14] Kienet tidħol filgħaxija, u terġa' lura l-għada filgħodu lejn ħarem ieħor tan-nisa, taħt il-ħarsien tal-uffiċjal tas-sultan, Sagħasgaż, l-inkarigat mill-konkubini; ma kinitx tmur iżjed għand is-sultan jekk ma tkunx għoġbitu u ma tkunx imsejħa b'isimha.

### Ester sultana

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

15[15] U meta mess lil Ester, bint Abiħajl, iz-ziju ta' Mordekaj, li ħadha bħala bintu, biex tmur għand is-sultan, ma fittxet xejn iżjed ħlief dak li qalilha Hegaj, l-uffiċjal tas-sultan, l-inkarigat min-nisa; u Ester saħħret għajnejn kull min raha.

16[16] Lil Ester ħaduha għand is-sultan Assweru, fil-palazz tas-sultan, fl-għaxar xahar, fix-xahar ta' Tebet, fis-seba' sena ta' saltnatu.

17[17] Is-sultan ħabb lil Ester fuq in-nisa l-oħra kollha; u hi sabet fih grazzja u mħabba aktar mix-xebbiet l-oħra, u qegħdilha l-kuruna tas-saltna f'rasha, u għamilha sultana flok Vasti.

18[18] Imbagħad is-sultan għamel pranzu lill-prinċpijiet u l-ministri tiegħu kollha, pranzu f'ġieħ Ester; ta wkoll festa lill-provinċji kollha, u qassam rigali ta' sultan li kien.

19[19] Meta kienu qegħdin iressqu xebbiet oħra, Mordekaj kien joqgħod ħdejn il-bieb tal-palazz.

20[20] Ester ma wrietx, la l-familja u lanqas il-poplu tagħha, kif kien wissieha Mordekaj; għax hi baqgħet tagħmel skont ma kien jordnalha Mordekaj, bħal meta kienet miegħu.

21[21] F'dawk il-jiem Mordekaj kien qiegħed ħdejn il-bieb tal-palazz; Bigtan u Teres, uffiċjali tas-sultan u għassiesa tal-bieb, kienu inkurlati u riedu jmiddu idejhom fuq is-sultan Assweru.

22[22] Mordekaj sar jaf b'din il-biċċa u għarraf lis-sultana Ester, u Ester qalet lis-sultan f'isem Mordekaj.

23[23] Meta tkixxfu din il-biċċa u sabu li kien hekk, għallquhom ma' siġra, u niżżlu kollox fil-ktieb tal-ġrajja ta' żmien is-sultan.

## Ester Bil-grieg 3

### Ħaman jikkonfoffa kontra l-Lhud

1[1] Wara dawn il-ġrajja s-sultan Assweru għolla fid-dinjità lil Ħaman bin Hammedata, l-Agagi, għollieh fil-grad u qiegħed is-siġġu tiegħu 'l fuq mit-tronijiet tal-prinċpijiet sħabu kollha.

2[2] U l-uffiċjali kollha li kienu jservu fil-palazz tas-sultan kienu jinżlu għarkupptejhom u jbaxxu rashom fl-art quddiem Ħaman, għax din kienet l-ordni tas-sultan.

3[3] Imma Mordekaj ma riedx jinżel għarkupptejh u jbaxxi rasu fl-art quddiemu. U l-uffiċjali tal-palazz tas-sultan, li kienu fil-bieb, qalu lil Mordekaj: "Għala int ma tobdix il-kmand tas-sultan?"

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

4[4] U baqgħu jgħidulu hekk minn jum għal ieħor, u hu ma samax minnhom; fl-
aħħar għarrfu lil Haman ħa jaraw jekk din il-biċċa ta' Mordekaj tistax tibqa'
għaddejja lixxa, billi hu kien qalilhom li hu Lhudi.

5[5] U meta Haman ra li Mordekaj la kien jinżel għarkupptejh u lanqas ibaxxi
rasu fl-art quddiemu, xegħel bil-korla.

6[6] Deherlu li ma kienx biżżejjed li jmidd idu fuq Mordekaj waħdu; u billi qalulu
li kien Lhudi, Haman fittex li jeqred il-Lhud kollha, il-poplu kollu ta' Mordekaj,
mill-imperu ta' Assweru.

7[7] F'Nisan, l-ewwel xahar tas-sena, fit-tnax-il sena tas-saltna ta' Assweru,
tefgħu l-Pur, jiġifieri tefgħu x-xorti, quddiem Haman għall-jum u għax-xahar,
biex hekk jagħżlu x-xahar u l-jum għall-qerda tal-Lhud, il-poplu ta' Mordekaj,
f'jum wieħed, mis-saltna ta' Assweru; u x-xorti waqgħet fuq il-jum tlittax ta'
Adar, it-tnax-il xahar.

8[8] Haman imbagħad qal lis-sultan Assweru: "Fost il-popli kollha tal-provinċji
tal-imperu tiegħek hemm imxerred u mferrex poplu; il-liġi tagħhom ma taqbel
xejn ma' tal-popli l-oħra; u huma ma jħarsux il-liġi tas-sultan. Ma jaqbillux is-
sultan li jħallihom jgħixu.

9[9] Jekk jogħġob lis-sultan ħa jkun miktub digriet biex neqirduhom, u jien
ngħaddi għaxart elef talent tal-fidda f'idejn l-amministraturi biex iqegħduhom
fit-teżor tas-sultan."

10[10] U s-sultan qala' ċ-ċurkett minn sebgħu u tah lil Haman bin Hammedata, l-
Agagi, l-għadu tal-Lhud,

11[11] u qallu: "Il-flus tajthomlok, u l-poplu wkoll, biex tagħmel minnu kulma
jogħġbok."

12[12] Fit-tlittax tal-ewwel xahar kienu msejħa l-kittieba tas-sultan, u kitbu
kulma ordnalhom Haman lis-satrapi tas-sultan u lill-gvernaturi ta' kull provinċja
u lill-prinċpijiet ta' kull poplu, lil kull provinċja bil-kitba tagħha, u lil kull poplu
b'ilsienu. Kollox kien miktub f'isem is-sultan Assweru u ssiġillat biċ-ċurkett
tiegħu.

13[13] Imbagħad bagħtu dawn l-ittri permezz tal-kurrieri lil kull provinċja tas-
sultan sabiex f'jum wieħed, fit-tlittax tat-tnax-il xahar, ix-xahar ta' Adar, jeqirdu,
joqtlu u jġibu fix-xejn il-Lhud kollha, kbar u żgħar, nisa u rġiel, u jeħdulhom
ħwejjiġhom. 21[14] Kopja ta' dan id-digriet, li kellu jitnieda fil-provinċji kollha,
kellha tintbagħat lill-popli kollha biex ilestu ruħhom għal dak il-jum.

22[15] Il-kurriera telqu minnufih skont l-ordni tas-sultan. Id-digriet kien imniedi
wkoll fiċ-ċittadella ta' Susa; il-belt ta' Susa nqalbet ta' taħt fuq, imma s-sultan u
Haman qagħdu jixorbu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

# Ester Bil-grieg 4

### Mordekaj jitlob l-għajnuna ta’ Ester

1[1] Malli Mordekaj sar jaf b’dak li kien għaddej, ċarrat ħwejġu u libes ilbies tax-xkejjer, xeħet l-irmied fuq rasu, u ħareġ f’nofs il-belt u beda jgħajjat għajjat kbir ta’ qsim il-qalb.

2[2] Wasal sa quddiem il-bieb tal-palazz tas-sultan, għax ħadd ma kien jista’ jgħaddi ’l ġewwa mill-bieb tal-palazz b’ilbies tax-xkejjer.

3[3] Fil-provinċji kollha, kull fejn wasal id-digriet tas-sultan u l-liġi tiegħu, kien hemm vistu kbir, sawm u biki u tinwiħ fost il-Lhud; ħafna kienu jorqdu fuq ix-xkejjer u l-irmied.

4[4] It-tfajliet u l-uffiċjali, li kienu jservu lil Ester, ġew u qalulha; u s-sultana nħasdet sewwa. Imbagħad bagħtet ħwejjeġ lil Mordekaj biex jilbishom u jneħħi minn fuqu l-ilbies tax-xkejjer, iżda huwa ma ħadhomx.

5[5] Ester sejħet lil Hatak, wieħed mill-uffiċjali tas-sultan, li kien iserviha, u ordnatlu li jitkixxef fuq Mordekaj u jara x’ġara, u għaliex dan.

6[6] U Hatak mar ħdejn Mordekaj fil-pjazza tal-belt quddiem il-bieb tal-palazz tas-sultan.

7[7] Mordekaj għarrfu b’kulma ġralu, u bis-somma sħiħa ta’ flus li Haman wiegħed li jixħet fit-teżor tas-sultan biex ikun jista’ jeqred il-Lhud.

8[8] Tah ukoll kopja tal-liġi li xxandret f’Susa biex jeqridhom, ħalli taqraha Ester, u jfehemha u jipperswadiha tidħol għand is-sultan, u titlob ħniena u taqbeż għall-poplu tagħha: “Għidilha: ‘Ftakar fi żmien hemmek, meta kont nieħu ħsiebek jien, għax Haman, li jiġi wara s-sultan, kellmu kontrina biex jeqridna. Itlob lill-Mulej, u idħol għalina u kellem lis-sultan u eħlisna mill-mewt.’ ”

9[9] Hatak mar u għarraf lil Ester b’kulma qallu Mordekaj.

10[10] Ester imbagħad wieġbet lil Hatak u qaltlu x’għandu jgħid lil Mordekaj:

11[11] “Il-qaddejja tas-sultan,” qaltlu, “u l-poplu kollu tal-provinċji kollha tas-sultan jafu li kull mara jew raġel li jersaq lejn is-sultan fil-bitħa ta’ ġewwa bla ma jkun imsejjaħ, kastig wieħed hemm għalih: il-mewt, barra ’l min is-sultan imissu bix-xettru tad-deheb biex jibqa’ ħaj. U jien għal dawn l-aħħar tletin jum is-sultan ma sejjaħlix biex nersaq lejh.”

12[12] U għarrfu lil Mordekaj bil-kliem ta’ Ester.

13[13] U Mordekaj qalilhom biex iwasslu din it-tweġiba lil Ester: “La taħsibx li għax qiegħda fil-palazz tas-sultan int waħdek se tkun l-ixxurtjata minn fost il-Lhud l-oħra kollha, li se teħlisha.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

14 [14] Jekk int iżżomm is-skiet f'waqt bħal dan, il-Lhud għajnuna u ħelsien jiġuhom minn ximkien ieħor, imma int u dar missierek tintemmu. Min jaf jekk hux għal mument bħal dan li int ilħaqt sultana?"

15 [15] U Ester qaltilhom iwasslu din it-tweġiba lil Mordekaj:

16 [16] "Mur u iġbor il-Lhud kollha ta' Susa, u sumu għalija, la tiklux u la tixorbux għal tlitt ijiem, lejl u nhar, u hekk ukoll insumu jien u t-tfajliet ta' madwari. Imbagħad nidħol għand is-sultan, għalkemm mhux skont il-liġi, u jekk immut, immut."

17 [17] Mordekaj mar u għamel bħalma ordnatlu Ester.

## Ester Bil-grieg 5

### L-ewwel pranzu ta' Ester

[1] Fit-tielet jum Ester, libset ta' sultana, u marret fil-bitħa ta' ġewwa tal-palazz tas-sultan, u waqfet biswit id-dar tas-sultan, li kien bilqiegħda fuq it-tron fis-sala tiegħu quddiem id-dħul tal-palazz. [2] Malli s-sultan ra lis-sultana Ester wieqfa fil-bitħa messitlu qalbu, u medd ix-xettru tad-deheb li kellu f'idu lejha, u Ester resqet u messet ras ix-xettru.

17 17 [3] Imbagħad is-sultan staqsieha: "X'għandek sultana Ester, x'inti titlob, imqar nofs is-saltna tiegħi, nagħtihulek."

18 18 [4] Ester wieġbet: "Jekk jogħġob lis-sultan, ħa jiġi s-sultan u Haman illum għall-pranzu li jien ħejjejt għalih."

19 19 [5] Is-sultan ordna: "Fittxu malajr lil Haman biex isir kif qalet Ester. U s-sultan u Haman marru għall-pranzu ta' Ester.

20 20 [6] Huma u jixorbu l-inbid, is-sultan staqsa lil Ester: "X'inhu li qiegħda titlob, ħa nagħtihulek? X'tixtieq? Imqar nofs saltnati, nagħtihielek."

21 21 [7] Ester wieġbet: "Dan hu li qiegħda nitlob, u dan li nixtieq:

22 22 [8] jekk sibt grazzja f'għajnejn is-sultan u jekk jogħġbu, ħa jagħtini li qiegħda nitlob, u jagħmel li nixtieq; ħa jiġi għada s-sultan flimkien ma' Haman għall-pranzu li se nagħmel għalihom, u għada nagħmel skont ma jgħid is-sultan."

### Ħaman jiddeċiedi li joqtol lil Mordekaj

23 23 [9] Dakinhar Haman ħareġ hieni u b'qalbu ferħana; kif lemaħ lil Mordekaj f'bieb il-palazz bla ma qam u lanqas biss iċċaqlaq minn postu, Haman imtela bl-għadab għalih.

24 24 [10] Imma rażżan lilu nnifsu u baqa' sejjer dritt id-dar; u bagħat għal ħbiebu u ġiebhom flimkien ma' martu Żeres.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

25 25 [11] Qalilhom Ħaman bil-kobor ta' ġidu, il-kotra ta' wliedu, u kif onorah is-sultan u għollieh 'il fuq mill-prinċpijiet l-oħra kollha u l-qaddejja tiegħu.

26 26 [12] U kompla: "Saħansitra s-sultana Ester lil ħadd ħliefi ma sejħet għall-pranzu li ħejjiet għas-sultan; u għada wkoll stednitni mas-sultan.

27 27 [13] Iżda dan xejn ma jiswa għalija, sakemm nibqa' nara lil Mordekaj, il-Lhudi, bilqiegħda fil-bieb tas-sultan."

28 28 [14] U weġbuh, martu Żeres u ħbiebu lkoll: "Ħa jtellgħu forka għolja ħamsin driegħ, u għada filgħodu għid lis-sultan biex idendel lil Mordekaj magħha; u mbagħad mur kuntent għall-pranzu." Ħaman dan il-parir għoġbu u ħaseb biex iħejji l-forka.

## Ester Bil-grieg 6

### Is-sultan iħallas lil Mordekaj

1[1] Dak il-lejl is-sultan ma setax jorqod; għalhekk ordna li jġibulu l-ktieb tal-annali, u qagħdu jaqrawhomlu quddiemu.

2[2] U sabu miktub kif Mordekaj kien kixef lil Bigtan u Teres, iż-żewġ uffiċjali tas-sultan u għassiesa tal-bieb, li kienu riedu jmiddu idejhom fuq is-sultan Assweru.

3[3] U s-sultan staqsa: "X'unur jew glorja kellu Mordekaj għal dan?" U l-qaddejja u l-għases ta' madwaru weġbuh: "Xejn ma sar!"

4[4] U staqsiehom: "Min hemm fil-bitħa?" Dak il-ħin daħal Ħaman fil-bitħa ta' barra tal-palazz tas-sultan, biex ikellmu ħalli jgħallaq lil Mordekaj mal-forka li kien ħejjielu.

5[5] U l-qaddejja tas-sultan weġbuh: "Hemm Ħaman fil-bitħa." U s-sultan ordna li jdaħħluh.

6[6] Kif daħal Ħaman, is-sultan staqsieh: "X'għandhom jagħmlulu lill-bniedem li s-sultan ikun irid jonorah?" Ħaman beda jgħid f'qalbu: "Lil min jista' s-sultan irid junura l-aktar ħlief lili?"

7[7] U Ħaman wieġeb: "Bniedem li s-sultan ikun jixtieq jonorah,

8[8] għandhom iġibulu libsa li jkun libes is-sultan, u żiemel li jkun rikeb fuqu s-sultan, li tqiegħdet fuq rasu l-kuruna tas-saltna.

9[9] Imbagħad il-libsa u ż-żiemel jagħtuhom lil wieħed mill-ogħla prinċpijiet tas-sultan u dan ilibbes il-bniedem li s-sultan ikun irid jagħtih il-ġieħ, u jrikkbu fuq iż-żiemel, u jgħaddih mill-pjazza tal-belt, u jibdew jgħajtu quddiemu: "Hekk jagħmlulu l-bniedem li s-sultan ikun irid jonorah."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

10[10] U s-sultan wieġeb lil Haman: "Isa, mela ħu malajr il-libsa u ż-żiemel kif għedt u agħmel hekk lil Mordekaj il-Lhudi li soltu joqgħod fil-bieb tal-palazz. Qis li ma tħalli xejn milli għedt.

11[11] U Haman ħa l-libsa u ż-żiemel, u libbes lil Mordekaj, u rikkbu, u għaddieh mill-pjazza tal-belt, u beda jgħajjat quddiemu: "Hekk jagħmlulu lill-bniedem li s-sultan ikun irid jonorah."

12[12] U Mordekaj raġa' lura lejn il-bieb tal-palazz u Haman mar jiġri lejn id-dar b'qalbu sewda u rasu mgħottija.

13[13] U qal kulma ġralu lil Żeres, martu, u lil ħbiebu kollha. U l-għorrief tiegħu u martu Żeres qalulu: "Jekk Mordekaj, li int bdejt iċċedi quddiemu, hu ta' nisel Lhudi, int ma tista' tagħmel xejn miegħu; ibqa' żgur li għad titlef."

14[14] Huma u jkellmuh waslu l-uffiċjali tas-sultan, u ħaduh malajr għall-pranzu li ħejjiet Ester.

## Ester Bil-grieg 7

### Il-kundanna ta' Ħaman

1[1] Is-sultan u Haman marru jieklu għand Ester, is-sultana.

2[2] Din it-tieni darba wkoll, huma u jixorbu l-inbid, is-sultan staqsa lil Ester u qalilha: "X'inhu li qiegħda titlob, sultana Ester, biex nagħtihulek? X'tixtieq? Imqar jekk tixtieq nofs is-saltna tiegħi, nagħtihielek."

3[3] U Ester, is-sultana, wieġbet u qalet: "Jekk jien sibt grazzja quddiemek u jogħġob lis-sultan, nixtieq u nitlob li ssalvali ħajti, u x-xewqa tiegħi hi l-ħajja tal-poplu tiegħi.

4[4] Għax jien u l-poplu tiegħi ninsabu mibjugħa biex iġibuna fix-xejn, joqtluna u jeqirduna. Ma kontx nitkellem li kieku biss ibigħuna, irġiel u nisa, b'ilsiera, imma dan ma joqgħodx ħdejn il-ħsara li se jagħmel l-għadu lis-sultan."

5[5] U s-sultan Assweru wieġeb lil Ester, is-sultana: "Min hu, u fejn hu dan, li għandu l-ħila jagħmel dan?"

6[6] Ester wieġbet: "In-nassies u l-għadu tagħna, dan hu, dan il-bniedem ħażin ta' Haman." Haman baqa' mwerwer quddiem is-sultan u s-sultana.

7[7] Is-sultan qam b'saħna minn fuq il-mejda, u mar fil-ġnien tal-palazz; imma Haman baqa' hemm jitlob ħajtu lis-sultana Ester għax ra li s-sultan qatagħha li jeqirdu.

8[8] U s-sultan raġa' lura mill-ġnien għall-kamra fejn kienu jixorbu l-inbid, u Haman kien mixħut fuq id-divan fejn kienet qiegħda Ester, u s-sultan qal: "Jaqaw


© 2020 Malta Bible Society.

issa se jkasbar is-sultana wkoll, quddiemi u f'dari?" Malli l-kelma ħarġet minn fomm is-sultan, għattew wiċċ Haman.

9 [9] Imbagħad Harbuna, wieħed mill-uffiċjali ta' madwar is-sultan, qallu: "Hemm hi l-forka wkoll li Haman ħejja għal Mordekaj, li tkellem għall-ġid tas-sultan, wieqfa f'dar Haman, għolja ħamsin driegħ!" U s-sultan qal: "Dendluh magħha."

10 [10] U dendlu lil Haman mal-forka li hu stess kien ħejja għal Mordekaj; u s-sultan għaddietlu s-saħna.

## Ester Bil-grieg 8

1 Dakinhar is-sultan Assweru għadda lis-sultana Ester il-ġid kollu ta' Haman, l-għadu tal-Lhud, u Mordekaj resaq quddiem is-sultan għax Ester għarrfitu li jiġi minnha.

2 Is-sultan imbagħad neħħa ċ-ċurkett li kien ħa minn Haman, u tah lil Mordekaj, u Ester qiegħdet lil Mordekaj fuq il-ġid ta' Haman.

### It-tieni digriet ta' Assweru

3 Ester reġgħet kellmet lis-sultan, u nxteħtet f'riġlejh, bkiet u talbitu bil-ħniena biex isewwi l-ħsara li kien għamel Haman, l-Agagi, u jħassar il-pjan li kien fassal kontra l-Lhud.

4 U s-sultan medd ix-xettru tad-deheb lejn Ester, u qamet u baqgħet bilwieqfa quddiem is-sultan

5 u qaltlu: "Jekk jogħġob lis-sultan, u jien sibt grazzja quddiemu, u jekk jidhirlu li hi ħaġa xierqa, u jien għoġobtu, ħa toħroġ ordni biex jitreġġgħu lura l-ittri miktuba minnu bit-tnassis ta' Haman bin Hammedata, l-Agagi, għall-qerda tal-Lhud, li joqogħdu f'kemm hemm provinċji tas-sultan.

6 Għaliex kif nista' nibqa' nħares bi kwieti fuq il-ħsara li waqgħet fuq il-poplu tiegħi u kif nista' nibqa' nħares bi kwieti fuq il-qerda ta' niesi?"

7 U s-sultan Assweru wieġeb lis-sultana Ester u lil Mordekaj, il-Lhudi: "Ara, jien tajt il-ġid ta' Haman lil Ester, u lilu għallquh mal-forka għax medd idejh fuq il-Lhud.

8 Issa iktbu intom f'isem is-sultan favur il-Lhud u ssiġillaw l-ittri bis-siġill tas-sultan, għax la darba ittra tkun ħarġet f'isem is-sultan bis-siġill tas-sultan, din ma tkunx tista' titreġġa' lura."

9 U sejħu lill-iskribi tas-sultan dak il-ħin stess, fit-tielet xahar, ix-xahar ta' Siwan, fit-tlieta u għoxrin tax-xahar, u kitbu kulma ordna Mordekaj lil-Lhud, lis-satrapi, u lill-gvernaturi u lill-uffiċjali ta' kull provinċja mill-Indja sa Kus, il-mija u sebgħa

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

u għoxrin li huma, lil kull provinċja bil-kitba tagħha, u lil kull poplu b'ilsienu, u lil-Lhud bil-kitba u l-ilsien tagħhom.

10 U l-kitba saret f'isem is-sultan Assweru, u kienet issiġillata bis-siġill tas-sultan; u l-ittri ntbagħtu permezz ta' kurrieri biż-żwiemel tal-ġiri mrobbija fl-istalel tas-sultan, żwiemel tar-razza.

11 Permezz ta' dawn l-ittri s-sultan ta l-permess lil-Lhud li jinsabu f'kull belt biex jinġabru u jiddefendu ħajjithom billi jeqirdu, joqtlu u jġibu fix-xejn l-irġiel armati, bit-tfal u n-nisa tagħhom, ta' kull poplu u provinċja li jaħbtu għalihom, u jaqbdulhom ġidhom bi priża;

12 u dan f'jum wieħed mill-provinċji kollha tas-sultan Assweru, fit-tlettax tat-tnax-il xahar, ix-xahar ta' Adar.

37 37 [13] U kopja tal-ittri li kellha tkun ipproklamata bħala liġi f'kull provinċja, waħda waħda, kienet imxandra fost il-ġnus kollha, biex il-Lhud ilestu ruħhom għal dak in-nhar li jitħallsu mill-għedewwa tagħhom.

38 38 [14] Il-kurrieri telqu mgħaġġla b'ħeffa kbira, skont l-ordni tas-sultan, riekba fuq iż-żwiemel tal-ġiri, żwiemel tas-sultan. Id-digriet kien imxandar ukoll fiċ-ċittadella ta' Susa.

39 39 [15] Mordekaj ħareġ minn quddiem is-sultan liebes l-ilbies ta' sultan, kulur vjola u abjad, u b'kuruna kbira tad-deheb u mantell tal-għażel fin u l-porpra; il-belt ta' Susa kienet kollha għajjat u ferħ.

40 40 [16] U fuq il-Lhud feġġ dawl u ferħ, hena u ġieħ.

41 41 [17] U f'kull provinċja u f'kull belt, kull fejn ixxandar id-digriet u l-ordni tas-sultan, il-Lhud ferħu u thennew, kielu u għamlu festa. U ħafna mill-ġnus saru Lhud, għax beżgħu minnhom.

## Ester Bil-grieg 9

### Ir-rebħa tal-Lhud

1[1] Fit-tlittax ta' Adar, ix-xahar tnax, il-jum li fih kellhom iseħħu l-ordni u l-liġi tas-sultan, u l-għedewwa tal-Lhud kienu jittamaw li fih iġibuhom taħt idejhom, dak il-jum stess ġara l-maqlub, għax il-Lhud ġiebu taħt idejhom l-għedewwa tagħhom.

2[2] Il-Lhud inġabru fl-ibliet kollha tagħhom fil-provinċji tas-sultan Assweru, biex imiddu idejhom fuq dawk li kienu jfittxu jagħmlulhom id-deni; u ħadd ma sata' jeqfilhom, għax il-biża' tagħhom waqa' fuq il-popli kollha.

3[3] Il-prinċpijiet tal-provinċji, is-satrapi u l-gvernaturi, u dawk kollha li kienu jieħdu ħsieb l-affarijiet tas-sultan, għenu lil-Lhud għax bdew jibżgħu minn Mordekaj.


© 2020 Malta Bible Society.

4[4] Għax Mordekaj kellu setgħa kbira fil-palazz tas-sultan, u l-fama tiegħu xterdet mal-provinċji kollha u kulma jmur kien jitqawwa.

5[5] U l-Lhud qabdu x-xabla u għamlu ħerba mill-għedewwa tagħhom, qatluhom u qerduhom; għamlu minnhom dak li għoġobhom.

6[6] Fiċ-ċittadella ta' Susa qatlu u qerdu ħames mitt raġel:

7[7] u qatlu 'l Parsandata, u 'l Dalfon, 'l Asfata,

8[8] 'l Porata, 'l Adalija, u 'l Aridata,

9[9] 'l Parmasta, 'l Arisaj, 'l Aridaj, 'l Vajżata,

10[10] u lill-għaxar ulied ta' Haman bin Hammedata, l-għadu tal-Lhud. Iżda ma meddewx idejhom fuq il-priża.

11[11] Dakinhar waslet quddiem is-sultan l-aħbar tal-maqtulin fiċ-ċittadella ta' Susa,

12[12] u s-sultan qal lis-sultana Ester: "Fiċ-ċittadella ta' Susa l-Lhud qatlu u qerdu ħames mitt ruħ, u l-għaxar ulied ta' Haman; x'għamlu fil-bqija tal-provinċji tal-imperu tas-sultan? U issa xi trid iżjed biex nagħtihulek? X'int tfittex aktar biex iseħħlek?"

13[13] U Ester wieġbet: "Jekk jogħġob lis-sultan, ħalli l-Lhud li hawn f'Susa jingħatalhom għada wkoll biex jagħmlu skont il-liġi tal-lum, u ħalli l-għaxar ulied ta' Haman jiddendlu ma' forka."

14[14] U s-sultan ordna li jsir hekk: u ħareġ digriet f'Susa. U l-għaxar ulied ta' Haman dendluhom ma' forka.

15[15] U l-Lhud li kienu f'Susa nġabru wkoll fl-erbatax-il jum tax-xahar ta' Adar u qatlu f'Susa tliet mitt ruħ, iżda ma meddewx idejhom fuq il-priża.

16[16] U l-bqija tal-Lhud li kienu fil-provinċji tas-sultan inġabru, u qamu jiddefendu ħajjithom u strieħu mill-għedewwa tagħhom, u qatlu minn dawk li kienu jobogħduhom ħamsa u sebgħin elf; iżda ma meddewx idejhom fuq il-priża.

17[17] Dan ġara fit-tlittax tax-xahar ta' Adar. L-erbatax għamlu minnu jum il-festa u l-ferħ.

18[18] Imma l-Lhud li kienu f'Susa nġabru fit-tlittax u fl-erbatax tax-xahar; u strieħu fil-ħmistax u għamlu minnu jum il-festa u l-ferħ.

19[19] Għalhekk il-Lhud, li jgħammru fil-kampanja, fi bliet bla swar, jagħmlu mill-erbatax tax-xahar ta' Adar jum ta' ferħ u festa, u jum ta' btala u dak in-nhar jibagħtu porzjonijiet ta' ikel lil xulxin.

### Il-festa tal-Purim


© 2020 Malta Bible Society.

20[20] Mordekaj kiteb dawn il-ġrajjiet kollha u bagħat ittri lil-Lhud li jinsabu fil-provinċji kollha tas-sultan Assweru tal-qrib u tal-bogħod,

21[21] biex jordnalhom li ta’ kull sena jżommu b’jiem ta’ btala l-erbatax u l-ħmistax tax-xahar ta’ Adar,

22[22] bħalma kienu għamlu b’dawk il-jiem li fihom il-Lhud strieħu mill-għedewwa tagħhom, ix-xahar li nbidlilhom mill-għali għall-ferħ, u minn jum in-niket għal jum ta’ btala. F’dawn il-jiem għandhom jagħmlu festa u jifirħu; jaqsmu l-ikel bejniethom u jagħtu sehem lill-fqar.

23[23] Il-Lhud imbagħad ħaduha drawwa li jagħmlu dak li għamlu dak in-nhar, kif kitbilhom Mordekaj.

24[24] Ħaman bin Ħammedata, l-Agagi, u l-għadu tal-Lhud kollha kien għamel il-fehma li jeqridhom u tafa’ l-Pur, jiġifieri x-xorti, biex jifnihom u jeqridhom.

25[25] Iżda meta Ester daħlet quddiem is-sultan u dan sar jaf bil-biċċa, is-sultan ordna bil-miktub biex jaqilbu għal fuq rasu d-deni kollu li kien ħaseb għal-Lhud; u dendlu lilu u lil uliedu mal-forka.

26[26] Għalhekk sejħu lil dawk il-jiem Purim mill-kelma Pur, skont ma kienet tgħid l-ittra, u skont ma raw u kulma ġralhom dik il-ħabta.

27[27] Il-Lhud għamluha liġi, li ma tistax titħassar, għalihom u għal nisilhom u għal kull min jingħaqad magħhom, liġi li jibqgħu jżommu dawn il-jumejn fiż-żmien u l-mod preskritt.

28[28] Dawn il-jumejn għandhom jiftakruhom u jiċċelebrawhom minn ġenerazzjoni għal ġenerazzjoni, kull familja, kull provinċja u kull belt. Dawn il-jiem tal-Purim ma għandhomx jonqsu minn fost il-Lhud u t-tifkira tagħhom ma titħassarx minn fost il-ġenerazzjonijiet tagħhom.

29[29] Is-sultana Ester, bint Abiħajil, flimkien ma’ Mordekaj, il-Lhudi, kitbet bil-qawwa kollha biex twettaq din it-tieni ittra tal-Purim.

30[30] U ntbagħtu ittri lil-Lhud kollha li kienu jgħammru fil-mija u sebgħa u għoxrin provinċja tal-imperu ta’ Assweru bi kliem ta’ sliem u s-sewwa,

31[31] biex iżommu dawn il-jiem tal-Purim fi żmienhom, bħalma ordnalhom Mordekaj il-Lhudi u s-sultana Ester, kif stabbilew għalihom infushom u għan-nisel tagħhom, b’tifkira tas-sawm u tal-krib tagħhom.

32[32] Il-kmand ta’ Ester wettaq il-liġi tal-Purim u kien miktub fi ktieb.

## Ester Bil-grieg 10

1[1] Is-sultan Assweru mbagħad għamel taxxa fuq il-pajjiżi tal-art u l-gżejjer tal-baħar.


© 2020 Malta Bible Society.

2[2] U l-opri kollha l-oħra tal-ħila u l-qawwa tiegħu, u t-tagħrif kollu tal-kobor ta' Mordekaj li bih kabbru s-sultan, jinsabu miktuba fil-kotba tal-ġrajja tas-slaten tal-Medja u l-Persja.

3[3] Għax Mordekaj, il-Lhudi, kellu t-tieni post wara Assweru, u l-Lhud kienu jirrispettawh u l-kotra ta' ħutu jħobbuh, għax kien ifittex il-ġid tal-poplu tiegħu u s-sliem lin-nisel tiegħu kollu.


© 2020 Malta Bible Society.

# Ġob 1

### Daħla

### It-tjieba u l-hena ta' Ġob

1Kien hemm raġel fl-art ta' Għus jismu Ġob, raġel perfett u tajjeb, jibża' minn Alla u mbiegħed mill-ħażen.

2Tweldulu seba' subien u tlitt ibniet.

3L-imrieħel tiegħu kienu jgħoddu sebat elef nagħġa, tlitt elef ġemel, ħames mitt żewġ barrin, ħames mitt ħmara u kotra kbira ta' qaddejja. Dar-raġel kien l-aqwa wieħed fost il-popli kollha tal-Lvant.

4Uliedu s-subien kienu jmorru għal ikla li kull wieħed, fil-jum li jmissu, kien jagħmel f'daru. Kienu jistiednu wkoll lit-tliet ħuthom bniet biex jieklu u jixorbu magħhom.

5U kull meta kienet tgħaddi dawra sħiħa ta' festi, Ġob kien jibgħat għalihom biex jagħmlilhom ir-rit tal-purifikazzjoni tagħhom. L-għada kien iqum kmieni u joffri sagrifiċċju ta' vittmi maħruqa għal kull wieħed minnhom, għax Ġob kien jgħid: "Għandu mnejn dinbu wliedi u seħtu lil Alla f'qalbhom." Hekk kien soltu jagħmel Ġob.

### Tiġrib u sabar ta' Ġob

6Ġara darba li wlied Alla resqu quddiem il-Mulej, u fosthom ġie wkoll ix-Xitan.

7U l-Mulej staqsa lix-Xitan: "Mnejn inti ġej?" Ix-Xitan wieġeb lill-Mulej u qallu: "Minn dawra mad-dinja, kont nitlajja 'l hawn u 'l hemm."

8Il-Mulej raġa' staqsa lix-Xitan: "Il-qaddej tiegħi Ġob ħsibt fih? Ma hawnx ieħor bħalu fid-dinja, raġel perfett u tajjeb, jibża' minn Alla u mbiegħed mill-ħażen."

9Ix-Xitan wieġeb u qal: "Tgħid għal xejn Ġob jibża' minn Alla?

10Forsi int ma bnejtx ħajt madwaru u madwar daru, u madwar kulma għandu kif iddur? Berikt kulma għamlu idejh, u ġidu kotor mal-art kollha kemm hi.

11Imma midd idek u olqot kulma għandu, u tara jekk jisħtekx f'wiċċek."

12U l-Mulej wieġeb lix-Xitan: "Ara, kulma għandu f'idejk. Biss terfax idek fuqu." U x-Xitan telaq minn quddiem il-Mulej.

13Mela darba wlied Ġob, subien u bniet, kienu qegħdin jieklu u jixorbu l-inbid għand ħuhom il-kbir.

14U ġie għand Ġob messaġġier jgħidlu: "Il-gniedes kienu jaħartu, bil-ħmir jirgħu ħdejhom:


© 2020 Malta Bible Society.

15qabżu fuqhom is-Sabijin u ħatfuhom, u lill-qaddejja darbuhom b'xifer is-sejf. Bqajt jien waħdi biex ngħarrfek b'dan."

16Kien għadu ma waqafx jitkellem dan, meta ġie ieħor jgħidlu: "Niżel nar ta' Alla mis-sema, ħaraq l-imrieħel u l-qaddejja, u belagħhom. Bqajt jien waħdi biex ngħarrfek b'dan."

17Kif kien għadu jitkellem, ġie ieħor jgħidlu: "Il-Kaldin niżlu fi tliet ġemgħat, u nxteħtu fuq l-iġmla u ħatfuhom, u lill-qaddejja darbuhom b'xifer is-sejf. Bqajt jien waħdi biex ngħarrfek b'dan."

18Kif kien għadu jitkellem, ġie ieħor jgħidlu: "Uliedek, subien u bniet, kienu qegħdin jieklu u jixorbu l-inbid għand ħuhom il-kbir,

19u dlonk qam riħ qawwi min-naħa tad-deżert, u ħabat għad-dar min-naħa tal-erba' kantunieri tagħha u waqgħet fuq iż-żgħażagħ u mietu. Bqajt jien waħdi biex ngħarrfek b'dan."

20Imbagħad Ġob qam, ċarrat ħwejġu, qaxxar rasu, niżel wiċċu fl-art u beda jsalli u jgħid:

21"Għeri ħriġt minn ġuf ommi, għeri nerġa' mmur hemm. Il-Mulej tani, il-Mulej ħadli: ikun imbierek isem il-Mulej."

22F'dan kollu Ġob ma dinibx u xejn ma ħadha kontra Alla.

## Ġob 2

### Tiġrib eħrex

1Darb'oħra wlied Alla resqu quddiem il-Mulej; fosthom kien hemm ix-Xitan ukoll.

2Il-Mulej staqsa lix-Xitan: "Mnejn ġej?" U x-Xitan wieġbu: "Minn dawra mad-dinja, kont nitlajja 'l hemm u 'l hawn."

3Il-Mulej raġa' staqsa lix-Xitan: "Il-qaddej tiegħi Ġob ħsibt fih? M'hawnx ieħor bħalu fid-dinja, raġel perfett u tajjeb, jibża' minn Alla u mbiegħed mill-ħażen. U għadu jżomm sħiħ fil-perfezzjoni tiegħu, għad li int xewwixtni biex neqirdu għal xejn b'xejn."

4U x-Xitan wieġeb lill-Mulej u qallu: "Ġild b'ġild, u l-bniedem jagħti kulma jkollu għal ħajtu!

5Issa midd idek u olqtu f'għadmu u laħmu, u ara jisħtekx f'wiċċek."

6U l-Mulej wieġeb lix-Xitan: "Ara, inħalli f'idejk. Biss, ibża' għal ħajtu."

7U x-Xitan telaq minn quddiem il-Mulej, u mela lil Ġob bi nfafet qalila minn qiegħ riġlejh sal-qorriegħa ta' rasu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

8U dan ħa xaqqufa biex jinħakk biha u mar intasab fl-irmied.

9U qaltlu martu: "Għadek iżżomm sħiħ fil-perfezzjoni tiegħek? Isħet 'l Alla u mut!"

10U hu wieġeb: "Qiegħda titkellem ta' waħda belha. Nilqgħu t-tajjeb mingħand Alla, u l-ħażin ma nilqgħuhx?" F'dan kollu Ġob ma dinibx b'xufftejh.

### Tlitt iħbieb iżuru 'l Ġob

11Mela tlitt iħbieb ta' Ġob semgħu b'dan l-hemm kollu li waqa' fuqu u ġew kull wieħed minnhom minn pajjiżu, Elifaż minn Teman, Bildad minn Suħa u Sofar minn Nagħma. U ftiehmu li jmorru flimkien biex juruh is-sogħba tagħhom u jfarrġuh.

12Iżda kif lemħuh minn ftit 'il bogħod ma għarfuhx u nfexxu f'għajjat ta' biki, ċarrtu kull wieħed il-mantar tiegħu u tefgħu t-trab fl-għoli għal fuq rashom.

13U qagħdu fl-art maġenbu għal sebat ijiem u sebat iljieli, iżda ħadd minnhom ma qallu kelma, għax raw li kien kbir wisq in-niket tiegħu.

## Ġob 3

### Ġob jisħet xortih

1Wara dan Ġob fetaħ fommu, seħet jum twelidu,

2u qabad jgħid:

3"Qerda għal jum twelidi, għal-lejl li qal 'Tnissel raġel.'

4Ha jinbidel fi dlam dak il-jum, ma jfittxux Alla mill-għoli, u ma jfiġġ qatt id-dawl fuqu!

5Jagħmluh tagħhom id-dlam u s-swied, ħa jiksih is-sħab oħxon, u twaħħxu l-eklissi.

6Dak il-lejl ħa tkeffnu dalma, ma jidhirx mal-jiem tas-sena, u ma jidħolx fl-għadd tax-xhur.

7Ha jkun, iva, dak il-lejl bla ħajja, u ma jidwix fih għajjat ta' ferħ.

8Ha jisħtuh dawk li jisħtu l-jum, l-imħarrġin biex iqajmu l-Levjatan.

9Jiddallmu l-kwiekeb taż-żerniq tiegħu, jistenna għal xejn li jfiġġ id-dawl, u ma jarax tbexbix is-sebħ,

10talli ma żammlix magħluqa bwieb il-ġuf, u t-taħbit minn għajnejja ma ħebiex.

11Għaliex ma mittx fi ħdan ommi? Għaliex ma bqajtx fil-ġuf u mitt?

12Għaliex laqgħuni l-irkupptejn? Għaliex sidrejn biex nerda'?


© 2020 Malta Bible Society.

13Kieku issa jien mimdud u sieket, kont inkun rieqed u mistrieħ

14mas-slaten u l-kunsillieri tal-art, jew mal-kbarat li bnew mill-ġdid il-ħerbiet;

15u mal-prinċpijiet li kellhom id-deheb, li mlew djarhom bil-fidda.

16Għaliex ma kontx bħal rimi moħbi, bħat-trabi li qatt ma raw id-dawl?

17Hemm il-ħżiena jehdew mill-inkwiet, u l-għajjenin isibu l-mistrieħ.

18Hemm il-priġunieri lkoll fil-kwiet, bla ma jisimgħu leħen l-argużin.

19Iż-żgħir u l-kbir hemmhekk qegħdin, u l-ilsir ħieles minn sidu.

20Għaliex jingħata d-dawl lill-imsejken, u l-ħajja lil min qalbu kollha mrar?

21Lil dawk li jixxennqu għall-mewt bla ma tiġihom, u jħaffru għaliha aktar milli
għal teżor;

22li jifirħu u jaqbżu bil-ferħ, jogħxew meta jsibu l-qabar?

23Għaliex il-ħajja lil min triqtu magħluqa, li Alla għalaq minn kull naħa?

24Għalhekk sar il-krib l-ikel tiegħi, u jgelgel bħall-ilma t-tnehid tiegħi.

25Għax dak li nibża' minnu jiġi fuqi, u dak li jwerwirni jilħaqni.

26M'hemmx kwiet għalija, lanqas sliem, dejjem bl-inkwiet, ma nistrieħ qatt."

## Ġob 4

### Diskors ta' Elifaż

1Wieġeb Elifaż it-Temani u qal:

2Jekk ngħidulek kelma tiflaħ għaliha? Imma min jista' jżomm fommu sieket?

3Ara, lix-xjuħ int kont tgħallimhom, u l-idejn merħija kont issaħħaħ.

4Min kien jogħtor kien iqajmu kliemek, u l-irkupptejn mitruħa jsaħħaħlu.

5Issa li ġie dan fuqek, tisbel, għax l-għawġ laqat lilek, tinstaram.

6Ma jagħmillekx iżjed il-qalb twemminek? Ma tnissillekx tama ħajtek bla tebgħa?

7Ftakar: liema bniedem bla ħtija ntilef? Fejn qatt rajt in-nies sewwa meqruda?

8Milli rajt jien, dawk li jaħdmu l-ħażen u l-għawġ jiżirgħu, ħażen u għawġ jaħsdu;

9b'nifs ta' Alla jinqerdu, b'riefnu tal-korla tiegħu jintemmu.

10Jiskot għajjat l-iljun u tgargir l-iljuna, u l-frieħ tal-ljun jitfarrkulhom snienhom.

11Imut l-iljun għax tonqsu l-priża, u l-frieħ tal-ljuna jixterdu.

12Issa lili waslet kelma bil-ħatfa, u ħakmet widinti d-diwi tagħha;


© 2020 Malta Bible Society.

13fit-tħassib dwar fantażmi billejl, meta jaqa' n-ngħas tqil fuq il-bnedmin,

14qabadni biża' u tkexkix, li regħedli għadmi kollu.

15Għadda riħ minn fuq wiċċi, riefnu qajjem xewk xewk lil ġismi.

16Xi ħadd kien wieqaf, ma stajtx nagħraf wiċċu, tfaċċat xbieha quddiem
għajnejja, skiet ... u mbagħad smajt leħen:

17"Jista' l-bniedem ikun ġust quddiem Alla, il-maħluq ikun safi f'għajnejn Dak li
ħalqu?

18Jekk lanqas il-qaddejja tiegħu Alla ma jafda, u sal-anġli tiegħu jsib xi jgħid
fihom,

19kif jistgħu dawk li jgħammru fi djar tat-tafal, li s-sisien tagħhom imwaqqfa fit-
trab, ikunu safja f'għajnejn min għamilhom?

20Bejn tlugħ ix-xemx u nżulha jitfarrku, u jgħibu għal dejjem bla isem.

21Iva, jinqata' l-ħabel tat-tinda tagħhom, u jmutu nieqsa mill-għerf."

## Ġob 5

1"Għajjat issa! Min se jwieġbek? Lejn liema qaddis tista' ddur int?

2Iva, il-korla tifni lill-iblah, l-għira teqred lill-bniedem bla għaqal.

3Jien rajt lill-iblah ixenxel għeruqu, u malajr jinsteħet ix-xitel tiegħu;

4mitluqa wliedu bla m'għandhom min jgħinhom, misħuqa f'bieb il-belt bla min
jaqbeż għalihom.

5Il-ħsad tiegħu jikluh l-imġewħin, ilaqqtuh sa minn qalb ix-xewk, u l-għatxana
jagħmlu għal ġidu.

6Le, ma jitnissilx mill-art in-niket, lanqas ma jinbet mill-art il-hemm.

7Huwa l-bniedem li jiled l-għawġ, bħalma 'l fuq ix-xrar jittajjar.

8Li kont minnek 'l Alla kont infittex, u l-kawża tiegħi quddiemu nqiegħed.

9Hu jagħmel ħwejjeġ kbar ma nifhmuhomx, għeġubijiet li ma jingħaddux.

10Hu jagħti x-xita lill-art, u jibgħat l-ilma fuq wiċċ ir-raba'.

11Hu jtalla' fil-għoli lill-umli, u jqiegħed fis-sod lill-imsejknin.

12Huwa jħarbat il-pjanijiet ta' dawk li moħħhom jilħqilhom, biex ma jirnexxix
għemil idejhom.

13Hu jaqbad l-għorrief fil-ħażen ta' moħħhom, u l-ħsieb tal-qarrieqa jiġi fix-xejn;

14binhar isibu d-dlam ma' wiċċhom, u fl-aqwa tax-xemx iteftfu qisu billejl.


© 2020 Malta Bible Society.

15Hu jeħles il-fallut minn ħalqhom, u l-miskin minn id il-kefrin.

16Hekk il-miskin jerġa’ jittama, u l-ħażen ikollu jsodd ħalqu.

17Hieni tassew il-bniedem li Alla jwiddbu; tistmerrx, mela, il-kastig mingħand Xaddaj.

18Għax Hu jidrob u jdewwi, Hu jolqot, u jdejh ifejqu.

19Sitt darbiet jeħilsek mill-ħsara, u fis-seba’ ma jmissekx id-deni.

20Jeħilsek mill-mewt fi żmien il-ġuħ, u fil-gwerra mid-daqqa tas-sejf.

21Tkun imkennen minn swat l-ilsien, ma tibżax mill-qerda meta tiġi.

22Herba u għaks tiddieħak bihom, u l-bhejjem selvaġġi ma tibżax minnhom.

23Mal-ġebel tar-raba’ jkollok ftehima, u l-bhejjem selvaġġi jkunu fis-sliem miegħek.

24Ikollok is-sliem fl-għarix tiegħek, kull xħin iżżuru ssibu bla mittiefes.

25Tara wkoll li bosta jkunu wliedek, u n-nisel tiegħek bħal ħaxix tar-raba’.

26Tasal għall-qabar misjur bl-għomor, bħalma jinġabar fi żmienu l-qamħ.

27Ara, Ġob, dan flejnieh u hu minnu; agħtih widen u tgħallmu sewwa.”

## Ġob 6

### Ġob jilminta mill-kobor ta’ tbatijietu

1Ġob wieġeb u qal:

2“Li kellu jintiżen l-għali tiegħi, u f’miżien titqiegħed il-ħsara kollha tiegħi,

3itqal tkun din minn ramel il-baħar; għalhekk kliem addoċċ jitlaq fommi.

4Għax weħlu fija l-vleġeġ ta’ Xaddaj, u qed tixrob ruħi l-velenu tagħhom; it-twerwir ta’ Alla tkeskes għal fuqi.

5Jaqaw jinhaq il-ħmar bil-ħaxix quddiemu? Se jgħajjat il-gendus bl-għalf taħt geddumu?

6Jittiekel forsi bla melħ it-tisjir ħelu? Fih xi togħma l-abjad tal-bajd?

7Ikel bħal dan ma jduqux ħalqi; jitqażżu bħal ikel imħassar.

8Kemm nixtieq li Alla jisma’ talbi! Kemm nixtieq jaqtagħli xewqti!

9Mhux li kien jaqtagħha li jtemmni, jitlaq idu u jqaċċatni mid-dinja!

10Imqar hekk, jibqa’ għalija xi faraġ, u nifraħ ukoll fl-eqqel tbatija, għax ma ċħadtx kliem il-Qaddis.


© 2020 Malta Bible Society.

11Imma x'saħħa għandi biex inżomm iebes? X'tamiet għandi li ntawwal għomri?

12Hija saħħti saħħa taż-żonqor, u ġismi jewwilla bronż?

13Mhux xejn hi l-qawwa li ngħin ruħi? Mhux kull rifda twarrbet minni?

### Ġob jaqta' jiesu minn ħbiebu

14"Il-magħkus jistħoqqlu ħniena mingħand ħbiebu, imqar ikun warrab il-biża' ta' Xaddaj.

15Iżda ħuti bħal wied qarrqu bija, għabu bħal qiegħ il-widien

16li jkunu mqallgħin bil-ħalla tas-silġ, xħin togħdos fihom il-borra;

17fl-istaġun tan-nixfa jixxuttaw, bil-qilla tas-sħana jitqaxqxu.

18Lejhom idawru l-karwani r-rotta tagħhom, jidħlu fl-inxif u jinqerdu.

19Jgħarrxu għalihom il-karwani ta' Tema, il-merkanti ta' Saba jittamaw fihom.

20Imma jiregħxu talli ttamaw, xħin jaslu ħdejhom jinstarmu.

21Issa tabilħaqq sirtu xejn għalija, rajtu l-ħsara u qabadkom saram.

22Qatt għedtilkom tagħtuni xi ħaġa, jew għalija tħallsu minn ġidkom?

23Teħilsuni minn dwiefer l-għadu, jew tifduni minn idejn il-kiefra?

24Għallmuni, mela, u jiena niskot, fehmuni fejn stajt mort żball.

25X'qawwa fih il-kliem sinċier! Imma x'jiswa t-tmegħir tagħkom!

26Jaqaw intom il-kliem tridu tlumu, u tqisu riħ kliem min qata' qalbu?

27Intom sa fuq iltim titfgħu x-xorti, u mqar ħabib tagħkom tinneguzjawh.

28Imma issa, nitlobkom, ħarsu lejja, f'wiċċkom żgur li ma nigdibx.

29Erġgħu aħsbuha li ma ssirx inġustizzja. Aħsbuha, hawn fin-nofs il-kawża tiegħi.

30Jinsab forsi xi qerq fuq ilsieni? Tgħid ma jtigħemx ħalqi l-ħwejjeġ ħżiena?

## Ġob 7

### Ġob jipprotesta quddiem Alla

1"Hajjet il-bniedem mhix forsi xogħol bilfors fuq l-art? u għomru mhux bħal jiem il-ħaddiem mikri?

2Bħalma lsir jixxennaq għad-dell, u bħalma l-mikri jistenna l-ħlas,

3hekk xhur fiergħa kienu sehmi, u ljieli dwejjaq messew lili.


© 2020 Malta Bible Society.

4Jekk nimtedd, ngħid: "Meta se nqum?" u meta nqum, ngħid: "Meta se jidlam?" u
hekk nixba' nhewden sa ma jidlam.

5Laħmi ddewwed u mtela qxur, ġildi nqasmet u tnixxi l-marċa.

6Eħfef minn mekkuk għaddew jiemi, u bla tama ntemmu.

7Ftakar li ħajti buffura riħ, u għajnejja ma jerġgħux jaraw ir-risq.

8L-għajn li kienet tarani ma tilmaħnix iżjed, int twaħħal għajnejk fuqi u jien
nispiċċa.

9Bħalma ddub sħaba u ma tidhirx aktar, hekk min jinżel fil-qabar ma jerġax jitla';

10qatt iżjed ma jerġa' lejn daru, u daru ma tafux aktar.

11Għalhekk m'iniex se nżomm fommi sieket, irrid niżfoga mid-diqa ta' ruħi,
ninfexx fit-tgemgim fl-imrar ta' ħajti.

12Jaqaw jien il-baħar jew il-mostru tal-qiegħ, biex int tqiegħed għassa fuqi?

13Jekk ngħid: 'Issa jserraħni friexi, is-sodda tnaqqasli l-krib tiegħi,'

14hemm int bil-ħolm tiġi taqtagħni u twaħħaxni bil-fantażmi.

15Għalhekk jagħżel it-tagħliq għonqi, nippreferi l-mewt għal għadmi.

16M'iniex se ngħix għal dejjem, ħallini, mela, għax jiemi buffura riħ.

17X'inhu l-bniedem biex int tagħti daqshekk kasu, twaqqaf ħsiebek fuqu,

18iżżuru kull filgħodu, u toqgħod tiflih kull waqt?

19Se twarrab ħarstek minn fuqi, għallinqas sakemm nibla' r-riq tiegħi?

20Jekk jiena dnibt, x'għamiltlek lilek, int li tgħarrex b'għajn miftuħa fuq il-
bniedem? L-għala ħadtni b'mira tad-daqqiet tiegħek, l-għala jien ta' piż għalik?

21Ma tistax tagħder in-nuqqas tiegħi u tħalli għaddejja l-ħtija tiegħi? Għax jien
ma ndumx ma nkun mimdud taħt l-art; Int tfittixni u jiena ma nkunx iżjed."

# Ġob 8

### Diskors ta' Bildad: Alla ġust

1Qabeż jitkellem Bildad is-Suħi u qal:

2"Kemm se ddum titkellem hekk, tvenven bħal riħ qawwi kliem fommok?

3Jista' Alla jgħawweġ is-sewwa? Jista' Xaddaj imur kontra l-ġustizzja?

4Bilfors li dinbu kontrih uliedek, biex hu raddilhom il-ħlas ta' ħtijiethom.

5Issa jekk inti tfittex lil Alla u tittallab il-ħniena ta' Xaddaj,


© 2020 Malta Bible Society.

6jekk safi int u sewwa għemilek minn issa jdur favur tiegħek u jroddlok id-dar li
tistħoqq lilek.

7Haġa żgħira jkun il-ġid ta' qabel ħdejn il-kobor li għad ikollok.

8Staqsi biex tara lin-nisel ta' qabilna, u seddqu billi tistħarreġ għajdut ix-xjuħ.

9Għax aħna ġejna lbieraħ u xejn ma nafu, bħal dell li jgħaddi ħajjitna fuq l-art.

10Mhux huma li jgħallmuk u jgħidulek dan il-kliem ħiereġ minn qalbhom?

11'Ma jikbirx il-papir barra mill-għadira, lanqas jagħmel is-simar mingħajr l-
ilma,

12ikun għadu jtalla', mhux tal-qtugħ, u jinxef qabel il-ħxejjex kollha.

13Hekk jiġrilu kull min jinsa 'l Alla, it-tama ta' min iwarrbu tinqered.

14Għax irqiqa sifja t-tama tiegħu, għanqbuta l-fiduċja tiegħu.

15Iserraħ fuq daru iżda ma tiflaħx, jaqbad magħha iżda ma żżommx.

16Iħaddar ġmielu għal għajn ix-xemx, jifrex iż-żraġen mal-ġnien tiegħu,

17ixeblek ma' munzell ġebel għeruqu, u jieħu t-tira mill-blat.

18Xħin, imbagħad, jinqala' minn postu jiċħdu dan u jgħid: 'Ma nafikx'.

19Dan hu, mela, it-tmiem ta' ħajtu, u mit-trab jinbtu oħrajn.'

20Le, Alla ma jwarrabx il-bniedem sewwa, lanqas ma jwieżen lil min jagħmel id-
dnewwa.

21Hu jerġa' jimla bit-tbissima lil fommok, u 'l xufftejk b'għajjat ta' ferħ.

22Imbagħad jinksew bil-mistħija l-għedewwa tiegħek, u l-għarix tal-ħżiena ma
jkunx iżjed."

## Ġob 9

### Ġob jammetti l-ġustizzja ta' Alla

1Ġob wieġeb u qal:

2"Hekk hu, tassew, u hekk inżomm jien: Kif jista' l-bniedem jieħu raġun ma' Alla?

3Jekk jogħġbu jidħol f'qorti miegħu, lanqas iwieġbu waħda minn elf.

4Hu għaref minn moħħu u ta' ħila kbira; min qatt ħarraxha miegħu u ħareġ bis-
sliem?

5Hu jheżżeż il-muntanji bla ma jintebħu, u jaqlibhom ta' taħt fuq fil-korla tiegħu.

6Hu jċaqlaq l-art mis-sisien tagħha, u l-kolonni tagħha jitriegħdu.


© 2020 Malta Bible Society.

7Jikkmanda x-xemx u ma titlax, jaqfel il-kwiekeb u ma jfiġġux.

8Hu waħdu firex is-smewwiet, u saħaq dahar il-mostru tal-baħar.

9Hu ħalaq l-Orsa u l-Ġgant, it-Trajja u l-Kmamar ta' Nofsinhar.

10Hu jagħmel ħwejjeġ kbar ma nifhmuhomx, għeġubijiet bla għadd.

11Jekk jgħaddi minn ħdejja ma narahx, iwarrab minni bla nittendi bih.

12Jekk jiġi jaħtaf min se jżommu? Min se jgħidlu: 'X'int tagħmel hemm?'

13Alla ma jreġġax lura l-korla tiegħu. Dawk li għenu lil Raħab għotru taħtu.

14Kif nista' mela nwieġeb jiena? Xi kliem nagħżel għal quddiemu?

15Għad li jien ġust ma nistax inwieġeb, u flok id-dritt ikolli nitlob il-ħniena.

16Jekk inħarrku ma jweġibni xejn, għad li nemmen li leħni jisimgħu.

17Hu jgħaffiġni mqar għal xagħra, u jkattarli l-ġrieħi għal xejn b'xejn.

18Lanqas nifs ma jħallini nieħu, għax sax-xaba' bl-imrar jimlieni.

19Jekk niġu għall-qawwa, min aqwa minnu? Jekk niġu għall-ħaqq, min se jħarrku?

20Għalkemm innoċenti fommi, jikkundannani, għalkemm bla ħtija, Hu joħroġni b'ħati.

21Bla ħtija jien; ma rridx naf bija nnifsi, ħajti sirt nistmellha.

22Hu kollu wieħed, għalhekk ngħid, 'L-innoċenti u l-ħatja Hu jeqred xorta waħda.'

23Jekk jaqa' għal għarrieda flaġell tal-mewt, Hu jidħak bit-tweġħir tal-innoċenti.

24Jekk taqa' xi art f'idejn wieħed kiefer, Hu li jgħammad għajnejn l-imħallfin tagħha. Jekk mhux Hu, min jista' jkun?

25Jiemi għaddejja eħfef minn ġerrej, igerbu malajr bla ma jaraw riżq,

26jiżgiċċaw qishom dgħajjes bil-qasab, bħal ajkla nieżla b'salt għall-priża.

27Għalkemm ngħid: 'Irrid ninsa l-għali tiegħi, ħa nibdel wiċċi u nidher ferrieħi,'

28naqta' qalbi bit-tbatija kollha tiegħi, għax naf li int ma żżommnix bla ħtija.

29Ladarba tqisni ħati, għalfejn noqgħod nitħabat għal xejn?

30Imqar jekk ninħasel bis-soder, u nnaddaf idejja bil-lissija,

31fil-ħama terġa' tgħaddasni, u ħwejġi stess jitqażżuni.

32Alla mhux bniedem bħali biex nisfidah, jew immorru flimkien għall-qorti.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

33M'hawn ħadd li jaqta' l-ħaqq bejnietna, u juża s-setgħa fuqna t-tnejn,

34biex ibiegħed minn fuqi l-virga tiegħu, u ma jwerwirnix id-driegħ tiegħu.

35Kieku żgur nitkellem u ma nibżax minnu; imma mhux hekk il-każ tiegħi
miegħu."

## Ġob 10

1"Ladarba ħajti nistmellha, irrid niftaħ il-bieb għat-tgemgim tiegħi, inferragħ l-
imrar ta' ruħi.

2Ngħid lil Alla: "Tikkundannanix, urini l-għala għandek għalija.

3Hu sewwa għalik li tagħsarni, li tmaqdar xogħol idejk, u tgħin il-ħsibijiet tal-
ħżiena?

4Għandek int għajnejn tal-laħam, jew tħares kif iħarsu l-bnedmin?

5Hu għomrok qasir bħal għomor il-bniedem, u jgħaddu bħal jiemu sninek?

6Int, li tgħarrex għan-nuqqas tiegħi u tfittixli d-dnub tiegħi,

7int taf tajjeb li jien bla ħtija, u li ħadd minn taħt idejk ma jeħlisni.

8Kienu jdejk li sawruni u għamluni; issa bdielek u trid teqridni?

9Ftakar li għamiltni bħal mit-tafal, u li lejn it-trab għad treġġagħni.

10Mhux bħall-ħalib sawwabtni u bħall-baqta għaqqadtni,

11bil-ġilda u l-laħam libbistni, u nsiġtni bl-għadam u bl-għeruq?

12Ħajja tajtni u favuri għamilt miegħi, u l-providenza tiegħek ħarsitli ruħi.

13Iżda ħbejt xi ħaġa f'qalbek; issa naf li din kellek f'moħħok.

14Jekk nidneb, int tkun għassa tiegħi biex ma tħallix għaddejja l-ħtija tiegħi.

15Jekk ninstab ħati, ħażin għalija, jekk bla ħtija, lanqas nerfa' rasi, miksi bl-għajb
u mgħargħar fin-niket.

16Jekk nerfa' rasi, qisek iljun toħroġ għalija u qawwietek terġa' turi fuqi.

17Iġġedded kontrija l-għlied tiegħek, u l-għadab iżżid kontrija, bi qtajja' ġodda
jitqabdu miegħi.

18Għalfejn mela ħriġtni mill-ġuf? Messni mitt bla ma għajn qatt ratni;

19messni kont qisni qatt ma kont; meħud dritt mill-ġuf għall-qabar.

20Mhux ħaġa żgħira huma jiem ħajti? Erħini, mela, ħa nduq ftit l-hena,

21qabel ma mmur u ma niġix lura, lejn art id-dlam u d-dellijiet,


© 2020 Malta Bible Society.

22art imgħargħra fis-swied u t-taħwid, fejn id-dawl hu nnifsu dlam."

# Ġob 11

## Diskors ta' Sofar: Alla hu għaref

1Imbagħad wieġeb Sofar in-Nagħmi u qal:

2"Se jitħalla bla tweġiba dan il-lablabi? Jaqaw min jgħid ħafna jieħu raġun?

3Taħseb int li se jsikket in-nies tpaċpiċek? Se tibqa' żżeblaħ u ma jċanfrek ħadd?

4Int tgħid: 'Safi t-tagħlim tiegħi, bla ħtija jien quddiem Alla.'

5Mhux li kien jitkellem Alla u jiftaħ miegħek fommu!

6Li kien jurik il-misteri ta' għerfu, li huma tqal biex tifhimhom, kont tagħraf
kemm iħallsek inqas milli ħaqqu dnubek!

7Taħseb inti li se tikxef il-misteru ta' Alla, jew tilħaq it-tarf ta' Xaddaj?

8Hu ogħla mis-smewwiet: kif se tilħqu? Hu aktar fond mill-Qiegħ: x'taf int
bħalek?

9Jgħaddiha l-art minn tulu, u l-baħar mill-wisa' tiegħu.

10Jekk jiġi jaqbad u jarresta 'l xi ħadd u għall-ħaqq isejjaħlu, min iżommu?

11Hu jaf min huma l-bnedmin qarrieqa, jara l-ħażen u jiżnu sewwa.

12Iżda l-iblah idaħħal f'moħħu meta l-ħmar selvaġġ jitwieled mans.

13Jekk iddawwar lejn Alla qalbek, u tiftaħ lejh idejk;

14jekk tbiegħed minn idejk il-ħażen, u ma tħallix jgħammar id-dnewwa f'darek,

15tkun tista' terfa' wiċċek bla mistħija, tkun fis-sod u ma jkollokx mniex tibża'.

16Għax int tinsieh in-niket tiegħek, jew tiftakru bħal ilma li għadda.

17Aktar mid-dawl ta' nofsinhar tkun tiddi ħajtek; għalik id-dlam ikun bħas-sebħ.

18Moħħok mistrieħ għall-ġejjieni tiegħek, hemm x'jagħmillek tajjeb u torqod fil-
kwiet.

19Timtedd u ħadd ma jqajmek, u ħafna jżiegħlu bik.

20Iżda l-ħżiena jinfnewlhom għajnejhom, ma jkollhomx aktar fejn jagħtu
rashom, il-mewt biss it-tama tagħhom."

# Ġob 12

## Ġob iwieġeb lil Sofar

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

1Ġob wieġeb u qal:

2"Tassew li intom biss il-bravi, u l-għerf jispiċċa xħin tmutu intom!

3Imma jien għandi moħħ bħal tagħkom, xejn ma jiena inqas minnkom. U min ma
jafx ħwejjeġ bħal dawn?

4Iżda sirt jien tad-daħk għal ħbiebi: 'Arawh, sejjaħ 'l Alla u wieġbu!' Tad-daħk il-
ġust, il-bniedem sewwa!

5'Agħar għalih il-magħkus,' jgħid il-paxxut, 'gambetta għal min riġlu mriegħed.'

6Iżda hemm ir-risq fl-għerejjex tal-ħallelin, u ħadu r-riħ dawk li jinbxu 'l Alla,
donnhom għandhom 'l Alla f'idhom.

7Issa staqsi 'l-bhejjem u jgħallmuk; lit-tjur tal-ajru u jgħidulek;

8staqsi lill-ħniex tal-art u jgħallmuk; u l-ħut tal-baħar ukoll jgħidlek.

9Min fost dawn kollha ma jafx li id il-Mulej għamlet kollox?

10F'idejh hi ħajjet kulma jgħix, f'idejh nifs il-ħajjin kollha.

11Forsi l-widna ma ġġarrabx il-kliem bħalma l-ħalq itiegħem l-ikel?

12Mhux fix-xjuħija ssibu l-għerf? M'hux il-ħajja twila li ġġib d-dehen?

13Iżda għand Alla hemm l-għerf u l-qawwa, tiegħu l-parir u tiegħu d-dehen.

14Dak li jġarraf hu, ma jerġax jinbena; lil min isakkar hu, ħadd ma jista' jiftaħlu.

15Hu jżomm l-ilmijiet, u taqa' n-nixfa; hu jerħilhom, u jifqgħu l-art.

16Fih hemm il-qawwa u l-għaqal, tiegħu hu min jitqarraq u min iqarraq.

17Hu jibgħat ħafjin lill-kunsillieri, u jbellah lill-imħallfin.

18Hu jħoll il-ħżiem tas-slaten, u jdawrilhom ħabel ma' qaddhom.

19Hu jibgħat ħafja lill-qassisin, u jniżżel minn posthom lis-setgħanin.

20Hu jbikkem lil dawk li jafu jitkellmu, u lix-xjuħ jeħdilhom moħħhom.

21Jixħet it-tmaqdir fuq il-kbarat, u jdgħajjef ħżiem il-qawwijin.

22Hu joħroġ mid-dlam ħwejjeġ mistura, u fuq id-dlam jixħet id-dawl.

23Jibni l-ġnus u jġarrafhom, jifrex il-popli u jeqridhom.

24Il-mexxejja tal-pajjiż jeħdilhom id-dehen, u jitlaqhom jiġġerrew f'deżert bla
triq;

25iteftfu fid-dlam mingħajr dawl, u jixxenglu qishom fis-sakra.

## Ġob 13

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

1“Iva, dan kollu rawh għajnejja; semgħuh widnejja u fehmuh sewwa.

2Dak li tafu intom nafu jiena wkoll, xejn ma jiena inqas minnkom.

3Iżda ma’ Xaddaj ridt kieku nitkellem, ma’ Alla nixtieq niddiskuti.

4Għax intom qerq tafu tinsġu, tobba ta’ ħabba lkoll intom.

5Mhux li kontu tisktu għalkollox! Hekk, iva, turu għerfkom.

6Isimgħu, nitlobkom, l-argument tiegħi, iftħu widnejkom għad-difiża ta’ fommi.

7Tridu intom titkellmu għal Alla bil-gideb, taqbżu għalih bit-tagħwiġ?

8U tassew li intom iżżommu miegħu, u qed tiddefendu l-kawża tiegħu?

9Se tgħadduha lixxa jekk jiġi jgħarbilkom? Jew tqarrqu bih kif jitqarraq
bniedem?

10Oqogħdu żguri li bl-aħrax jeħodkom, jekk bil-moħbi timxu bil-partit.

11Ma jwerwirkomx forsi l-kobor tiegħu, u jkexkixkom il-biża’ li jġibilkom?

12Iva, il-qwiel tagħkom huma qwiel tat-trab, u t-tweġib tagħkom tweġib tat-tafal.

13Isktu, mela, ħalluni ngħid tiegħi, ħa jiġrili mbagħad li jrid.

14Ha nieħdu jiena laħmi bejn snieni, u ħajti nqegħedha f’idejja.

15Ha joqtolni ’k irid, m’iniex se nitkexkex, imma niddefendi l-kawża tiegħi
quddiemu.

16U dan ikunli r-rahan tar-rebħa, li wieħed ħażin anqas jersaq quddiemu.

17Isimgħu sewwa x’irrid ngħid, agħtu widen għall-istqarrija tiegħi.

18Araw, ħejjejt il-kawża tiegħi, naf li noħroġ ħieles.

19Min hu li se jiġi jmerini? Kieku niskot u nistenna l-mewt.

20Biss nitlob, O Alla, żewġ favuri, biex minn quddiemek ma ninħebiex:

21Warrab minn fuqi idek, u bi driegħek twerwirnix.

22Sejjaħli mbagħad u jiena nwieġeb, jew nitkellem jien u int weġibni.

23Kemm huma dnubieti u ħtijieti? Urini fejn dnibt u x’għamilt ħażin?

24Għaliex taħbi wiċċek minni, u tqisni għadu tiegħek?

25Trid int tbażża’ werqa niexfa, u tagħmel għal wara sifja?

26Għax ħwejjeġ ta’ mrar tikteb fuq ismi, u twaħħalni bid-dnubiet ta’ żgħożiti;

27tqegħedli fiċ-ċipp riġlejja, titkixxef il-passi kollha tiegħi u tqis il-marki li jħallu
saqajja!


© 2020 Malta Bible Society.

# Ġob 14

### Qosor ħajjet il-bniedem

1“Il-bniedem imwieled minn mara għandu ħajja qasira, imma tbatija għandu
biżżejjed.

2a Bħal warda, jiftaħ u mbagħad jidbiel, u jaħrab bħal dell li ma jiqafx.

2b Jintemm bħal għuda msewsa, bħal ilbies mikul mill-kamla.

3U fuq dan jixraqlek iżżomm għajnejk miftuħa u ssejjaħlu quddiemek għall-
ħaqq?

4Xi ħadd, mela, jista’ jislet is-safi mill-imniġġes? Ħadd!

5La darba jiemu magħdudin, la darba l-għadd tax-xhur qiegħed f’idejk, u
ħażżiżtlu tarf li ma jistax jaqbżu,

6warrab għajnejk minn fuqu, u ħallih itemm il-jum tiegħu bħal ħaddiem mikri.

7Siġra għallinqas għandha tama, li jekk tinqata’ terġa’ ttella’, u ma jiġux nieqsa ż-
żraġen tagħha.

8Imqar jixjieħu fl-art għeruqha, u jinxef fit-trab iz-zokk tagħha,

9kif tħoss l-ilma terġa’ tarmi, u tagħmel il-friegħi bħal xitla ġdida.

10Iżda l-bniedem imut u jispiċċa; xħin toħroġ ruħu fejn ikun?

11Bħalma jinxtorob l-ilma mill-baħar, jew tinxef xmara u titqaxqax,

12hekk il-bniedem li jmut, ma jqumx aktar, sa ma jintemmu s-smewwiet ma
jistenbaħx, le, ma jqumx mir-raqda tiegħu.

13Mhux li kont taħbini f’Art l-Imwiet fejn nistkenn sa ma tibred il-korla tiegħek
u tiffissali żmien li tiftakar fija.

14Li kien jista’ bniedem imut u jerġa’ għall-ħajja, iż-żmien kollu tas-servizz tiegħi
kont nissaporti sa ma jasal il-waqt tal-bidla tiegħi.

15Kont tgħajjatli u jiena nwieġbek, kont titgħaxxaq bl-opra ta’ jdejk.

16Ma kontx tgħoddli l-passi tiegħi, lanqas tgħassisli għal dnubieti,

17kont tissiġilla f’sorra l-ħtija tiegħi, u tiksi bil-ġir il-ħżunija tiegħi.

18Bħalma tittiekel muntanja u tiġġarraf u jitqanqal minn postu l-blat,

19bħalma jiekol l-ilma l-ġebel, u jiknes l-għargħar il-ħamrija, hekk int ixxejjen it-
tama tal-bniedem.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[20]Int iżżarmah u hu jitlaq għalkollox, tħassarlu surtu u tibagħtu.

[21]Jekk jiksbu ġieħ uliedu, hu ma jkunx jaf, jekk jaqgħu fl-għajb, lanqas jintebaħ.

[22]Għalih biss ibati ġismu, għalih waħdu titniehed ruħu."

# Ġob 15

### t-tieni diskors ta' Elifaż

[1]Wieġeb Elifaż it-Temani u qal:

[2]"Huwa l-għaref iwieġeb b'argumenti fiergħa, u joqgħod jimraħ fuq ir-riħ Xlokk?

[3]Se jieħu raġun b'diskors bla fejda, u bi kliem li ma jiswa għal xejn?

[4]Int qed tħassar il-biża' ta' Alla, u ġġib fix-xejn ir-reliġjon.

[5]Billi dnubek inebbaħ lil fommok u għoġbok tħaddem ilsien il-ħżunija,

[6]fommok stess jgħaddik b'ħati, mhux jiena, huma xufftejk li jixhdu kontrik.

[7]Twelidt int qabel il-bnedmin? Tnissilt inti qabel l-għoljiet?

[8]Jaqaw kont tisma' fil-kunsill ta' Alla, u żammejt għalik waħdek l-għerf?

[9]X'taf int li ma nafuhx aħna? X'tagħrif għandek li qabżilna?

[10]Għandna fostna xjuħ meqjuma ikbar fiż-żmien minn missierek.

[11]Mhu xejn għalik il-faraġ ta'Alla, u l-kliem tagħna li jieħdok bil-ħlewwa?

[12]Għaliex tħalli l-passjoni teghlbek? L-għala tberraq l-għajnejn tiegħek?

[13]Għala ddawwar fuq Alla l-qilla tiegħek, u titlaq minn fommok kliem bħal dan?

[14]X'inhu l-bniedem biex ikun safi, bin il-mara biex ikun bla ħtija?

[15]Jekk anqas fl-anġli tiegħu Alla ma jafda, u s-smewwiet mhumiex safja quddiemu,

[16]kemm inqas dil-ħlejqa moqżieża u mħassra, il-bniedem li jixrob bħall-ilma l-ħażen?

[17]Ismagħni, Ġob, ħalli nurik, u l-ħwejjeġ li rajt jien żgur nistqarrlek,

[18]dak li jgħidu l-għorrief tagħna, u ma ħbewlhomx missirijiethom;

[19]dawk li lilhom weħidhom kienet l-art mogħtija, u ebda barrani ma tħallat magħhom.

[20]Il-ħażin ħajtu kollha jieħu ġo qalbu, magħdudin is-snin merfugħa għal bin id-dnewwa.

[21]Jidwu f'widnejh ħsejjes ta' biża', fis-sliem jistħajjel ġej għalih xi qerried.


© 2020 Malta Bible Society.

22M'għandux tama li mid-dlam se jeħlisha, hu li jqis ruħu mmarkat għas-sejf;

23mitfugħ bħala ikel għall-isqra, jaf li maqtugħa l-qerda tiegħu.

24Ibeżżgħu jum id-dlam, jaħkmuh in-niket u d-dwejjaq bħal sultan lest għat-taqbida.

25Għax rafa' idu kontra Alla, ried jisfida lil Xaddaj.

26Ġera għalih kollu mżarġan, bil-ħxuna tat-tarki bbuzzati tiegħu.

27Għax mela bis-simna wiċċu, u taqqal ġenbejh bis-sonża.

28Imur jgħammar fi bliet meqruda u fi djar mitluqa min-nies, u għoddhom se jiġġarrfu.

29Ma jistagħniex, lanqas idum riżqu, ma jifrixx ġidu 'l hemm mill-qabar.

30Mid-dlam żgur ma jeħlishiex; inixxef in-nar iż-żraġen tiegħu, u r-rimi tiegħu jtajru r-riħ.

31Qis li ħadd ma jafda fil-frugħa u jitqarraq, għax frugħa jkun il-ħlas li jieħu.

32Jinxfu qabel iż-żmien iż-żraġen tiegħu, il-friegħi tiegħu ma jħaddrux aktar.

33Iwaqqa' bħad-dielja l-għeneb nej, jobżoq bħaż-żebbuġa n-nwar tiegħu.

34Le, ma jkollhiex nisel ir-razza tal-ħżiena, id-djar tal-qarrieqa jeqridhom in-nar.

35Inisslu l-inkwiet u jildu l-ħsara, u ġufhom bit-tqala tal-qerq."

## Ġob 16

### Il-faraġ fieragħ ta' ħbieb Ġob

1Ġob wieġeb u qal:

2"Ħwejjeġ bħal dawn ili ħafna nisma', farraġa msejkna intom ilkoll.

3M'hemmx li jintemm dan il-kliem fieragħ? U int x'inhu jġagħlek tibqa' tgħid tiegħek?

4Jien kont naf nitkellem bħalkom, kieku intom kontu minfloki; bi kliemi kont nordomkom, u nħarrek għalikom rasi;

5b'li ngħidilkom kont nirfidkom, u ma nehdiex inħarrek xufftejja.

6Ukoll jekk nitkellem ma jittaffiex hemmi, u jekk niskot mhux se jgħaddili.

7Għax issa fnieni dak li għandu għalija, il-ġemgħa tiegħu kollha qabdet fija.

8Sar xhud u qam kontrija, dak li infamani jixlini f'wiċċi,


© 2020 Malta Bible Society.

9Iħebb għalija l-għadab ta'Alla u jbiċċirni, jgħażgħaż għalija snienu, u jħares lejja
biċ-ċiera.

10Fetħu mbagħad ħalqhom kontrija, bi tkasbir tawni bil-ħarta, ngħaqdu
għalenija kontra tiegħi.

11Alla telaqni f'idejn min jagħmel il-ħażen, iva f'idejn il-ħżiena rħieni.

12Kont ngħix bi kwieti u għarraqni, qabadni minn għonqi u għafasni, ħadni
b'mira tal-wadab tiegħu.

13Dawwarni minn kull naħa bil-vleġeġ tiegħu, qattagħli bla ħniena l-ġewwieni
tiegħi, u ħariġli għal fuq l-art imsarni.

14B'xaqq fuq ieħor qasamni, bħal gwerrier intafa' fuqi.

15Hitt xkora madwar ġildi, u għaddast rasi fit-trab.

16Minfuħ wiċċi bid-dmugħ, mgħammxin il-ħbub t'għajnejja,

17għalkemm bl-ebda dnewwa ma ċċappsu jdejja, u t-talba tiegħi hi sinċiera.

18O art, la tgħattix id-demm tiegħi, biex ma tindifinx l-għatja tiegħi.

**Ġob jappella lil Alla**

19"Iva, imqar issa għandi xhud fis-sema, hemm fil-għoli min jaqbeż għalija.

20Ifisser hu ħsibijieti quddiem Alla li lejh nerfa' għajnejja bil-biki

21u jkun l-imħallef bejn bniedem u Alla bħalma jsir bejn bniedem u għajru.

**Krib ieħor ta' Ġob**

22"Jgħaddu s-snin magħduda ta' ħajti, u naqbad it-triq li ma nerġax lura minnha.

# Ġob 17

1Ruħi mifnija, ħajti fix-xifer, u l-qabar jistennieni.

2M'għandix ħdejja ħlief żeblieħa, u għajni tishar qalb it-tinbix tagħhom.

3Żommli għandek ir-rahan tiegħi, għax min inkella se jagħtini idu?

4Lil ħbiebi int qtajtilhom il-fehma, għalhekk ma tħallihomx jittrijunfaw.

5Jistiednu l-ħbieb biex jaqsmu l-wirt magħhom, waqt li għajnejn uliedhom
mifnija jixxennqu.

6Iżda Hu ġiebni fi lsien in-nies, jien hu dak li jobżqulu f'wiċċu.

7Tgħammxuli bin-niket għajnejja, saru bħal dell idejja u riġlejja.

8Jistagħġbu b'dan it-tajbin, jitmasħan il-ġust għall-ħażin.


© 2020 Malta Bible Society.

9Iżda l-ġust iżomm sħiħ fl-imġiba tiegħu, jissokta jitqawwa dak ta' jdejh safja.

10Erġgħulha, mela, ejjew ilkoll, żgur ma nsibx fostkom wieħed għaref.

11Għosfru jiemi bil-proġetti tiegħi, ġew fix-xejn ix-xewqat ta' qalbi.

12Il-lejl ħbiebi jagħmluh nhar, jgħidu 'Qrib id-dawl' ġo wiċċ id-dlam.

13Jekk nistenna l-Imwiet b'għamara tiegħi, u fid-dlam ta' taħt l-art nifrex soddti,

14jekk ngħid lill-qabar 'missieri int', u lid-dud 'ommi jew oħti',

15fejn hi, mela, it-tama tiegħi? U t-tama tiegħi min se jaraha?

16Lejn bwieb l-Imwiet hi tinżel, xħin flimkien nindifnu fit-trab."

## Ġob 18

### It-tieni diskors ta' Bildad

1Wieġeb imbagħad Bildad is-Suħi u qal:

2"Kemm se ddum bħalek taqla' kawtieli? Agħti ftit widen, ħallina nkellmuk.

3L-għala nitqiesu minnek bħala bhejjem, u fil-fehma tiegħek ma niswew xejn?

4Int li tifni ruħek bil-korla tiegħek, taħseb li għandha tintelaq minħabba fik id-
dinja jew jitqanqal minn postu l-blat?

5Imma żgur jintefa d-dawl tal-ħażin, u l-fjamma tan-nar tiegħu ma tiddix aktar.

6Inin id-dawl fl-għarix tiegħu, u l-lampa ta' fuq rasu tintefa.

7Jiqsaru l-passi qawwija tiegħu, u l-fehma tiegħu stess iġġarrfu.

8B'riġlejh stess jidħol fix-xibka, fuq il-mansab imidd passih.

9Taqbdu ingassa minn għarqubu, u n-nassa tingħalaq fuqu.

10Moħbi fl-art għalih il-ħabel, u t-trabokk fil-mogħdija.

11Minn kull naħa jħebb għalih il-biża', u jibqa' jsus wara riġlejh.

12Jgħum fil-ġid imma bil-ġuħ, u l-qerda tiegħu tistennieh maġenbu.

13Tikollu ġildu marda kerha, l-iben il-kbir tal-Mewt jirgħa fuq ġismu.

14Jinħataf mill-għarix komdu tiegħu, u jġorruh għand Sultan il-waħxijiet.

15L-għarix tiegħu jagħtuh in-nar, fejn kien joqgħod iferrxu l-kubrit.

16Minn taħt jinxfulu għeruqu, u minn fuq jinxfulu l-friegħi.

17Tgħib mid-dinja tifkirtu, u fit-toroq ma jkollux isem.

18Iwaddbuh mid-dawl għal ġod-dlam, u jqaċċtuh minn wiċċ id-dinja.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

19Ma jkollux nisel fost il-poplu tiegħu, lanqas ħadd ma jibqagħlu f'għamartu.

20Għal li ġralu jistagħġbu n-nies tal-Punent, u dawk tal-Lvant jitkexkxu.

21Iva, dan hu tmiem l-għamara tal-ħażin, dan imissu min ma jridx jaf b'Alla."

# Ġob 19

## Ġob ifittex jistkenn fi twemminu

1Ġob wieġeb u qal:

2"Kemm se ddumu tkidduni, u bi kliemkom tagħsruni?

3Għaxar darbiet s'issa żeblaħtuni, u xejn ma stħajtu tkagħbruni.

4Nagħmluha li tassew għawwiġt triqti, se jbejjet b'daqshekk l-iżball fija?

5Intom tieħdu r-riħ fuqi, għax twikkuli bi ħtija l-għajb li għandi.

6Kunu afu li Alla hu li qalibhieli, hu li xeħet madwari x-xibka tiegħu.

7Ngħajjat: 'Moħqrija!' u ħadd ma jweġibni, nittallab l-għajnuna u ma ssirlix
ġustizzja.

8Alla għalaqli t-triq biex ma ngħaddix, firixli d-dlam fuq il-mogħdija.

9Neżżagħli l-ġieħ tiegħi, neħħieli l-kuruna minn fuq rasi.

10Ġarrafni għalkollox u ġejt fix-xejn, qalagħli bħal siġra t-tama tiegħi.

11Kebbes għalija l-korla tiegħu, u żammni b'għadu tiegħu.

12Ingħaqdu flimkien il-qtajja' tiegħu, qabdu għal fuqi triqthom u waqqfu l-kamp
madwari.

13Ħadli 'l ħuti 'l bogħod minni. Ħbiebi saruli barranin.

14Għebu qrabati u l-ħbieb tal-qalba, dawk li kont nilqa' f'dari nsewni.

15San-nisa li jaqduni jżommuni bi frustier, sirt għalihom bħal wieħed barrani.

16Insejjaħ lill-qaddej tiegħi u ma jweġibx, għalkemm jiena nitolbu b'fomm il-
ħniena.

17Nifsi jqażżeż lil marti, sirt ninten għal nies dari.

18Iż-żgħar imqarqċin ukoll jistmerruni, jgħadduni biż-żmien kif nidher
quddiemhom.

19Il-ħbieb tal-qalb ilkoll jistkerrhuni, dawk li ħabbejt daru kontrija.

20Leħni dab, sirt għadma u ġilda, bilkemm baqagħli ġilda ma' ħnieki.

21Ħennu għalija, ħennu għalija intom, ħbiebi għax id Alla laqtitni.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

22Għaliex tagħmlu għalija bħal Alla, u minn laħmi ma tixbgħu qatt?

23Kemm nixtieq li kliemi jinkiteb, kemm nixtieq li jitnaqqax fil-bronż,

24jew b'xafra tal-ħadid u b'mili taċ-ċomb jitniżżel għal dejjem fil-blat!

25Jien naf li d-Difensur tiegħi ħaj u fl-aħħar fuq it-trab iqum,

26u wara li jintemm ġildi, għoddni bla laħam, nara 'l Alla.

27Lilu narah b'ħabib tiegħi, Dak li jilmħu għajnejja ma jkunlix barrani! Qed iddub
qalbi ġo fija ...

28La qed tgħidu: 'Kif se nagħmlu għalih?', u 'Fih tinsab il-kawża ta' li ġralu',

29ngħidilkom: 'Ibżgħu mis-sejf lest għalikom għax b'korla għall-ħtijiet is-sejf jiġi,
u tkunu tafu li hemm Imħallef.' "

## Ġob 20

### It-tieni diskors ta' Sofar

1Qabeż jitkellem Sofar in-Nagħmi, u qal:

2"Ara, qabbżuni mill-ġdid ħsibijieti, u t-tqanqil ta' ruħi ġo fija.

3Għax kif nisma' ċanfirek iregħexni, l-ispirtu ġo fija jġagħalni nwieġbek.

4Taf xejn int li minn dejjem, mindu deher fid-dinja l-bniedem,

5it-trijonf tal-ħżiena ħajtu qasira, u l-ferħ ta' bin id-dnewwa jdum waqt wieħed?

6Imqar tilħaq sas-sema kburitu, u rasu tmiss is-sħab,

7bħall-ħmieġ ta' ġo msarnu jintrema għal dejjem, u jgħid min kien jafu: 'Fejn hu?'

8Jgħib bħal ħolma u ħadd ma jsibu, bħall-fantażmi tal-lejl jitħarrab.

9L-għajn li kienet tarah ma tilmħux aktar, lanqas ma tibqa' tafu daru.

10Uliedu jittallbu bħal foqra għax kellu jrodd il-ġid tiegħu.

11Għadmu mimli biż-żgħożija, miegħu fit-trab jimtedd.

12Għalkemm jiġih ħelu l-ħażen f'ħalqu, u joqgħod ilebbtu bi lsienu;

13għalkemm idewmu u ma jħallihx jinżel, u f'nofs ħalqu jżommu tajjeb,

14dak l-ikel jitħassar fl-istonku tiegħu, isir velenu ta' lifgħa f'imsarnu.

15Il-ġid li bala' jkollu jaqilgħu, iqallagħhulu Alla mill-istonku.

16Velenu tas-sriep hu reda', u lsien il-lifgħa joqtlu.

17Ma jarax aktar il-gliegel taż-żejt, lanqas in-nixxigħat tal-għasel u l-ħalib.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

18Irodd kulma kiseb bla ma jistgħallu, mill-ġid li ħażen ma jgawdi xejn,

19talli għaffeġ il-fqir flok ha ħsiebu, u seraq djar ħaddieħor flok bena tiegħu.

20Billi qatt ma kienet xebgħana żaqqu, ma jeħilsux il-ġid li rekken.

21Billi xejn ma ħarab il-kilba tiegħu, ma jdum xejn ir-risq tiegħu.

22Fl-aqwa tal-ġid jaħkmuh id-dwejjaq, kull xorta ta' ħsara tiġi fuqu.

23Hu u jaħseb biex jimla żaqqu, Alla jimlihielu bin-nar tal-korla tiegħu, u jsawwabhulu sa ġo msarnu.

24Jekk jaħrab mis-sejf tal-ħadid, jilħqu l-qaws tal-bronż.

25Il-vleġġa tinfidlu dahru, il-ponta tleqq toħroġ minn fwiedu, u t-twerwir jaħkimlu qalbu.

26Merfugħin għalih id-dlamijiet kollha, nar li ħadd ma qabbdu jaħarqu u jtemm kulma baqa' fl-għarix tiegħu.

27Is-smewwiet jikxfulu ħżunitu u l-art tqum kontrih.

28Daru jkaxkarha l-għargħar, l-ilma qawwi li jinżel f'jum il-korla.

29Dan sehem il-ħażin mingħand Alla, dan hu l-wirt li refagħlu Alla."

## Ġob 21

### Tweġiba ta' Ġob

1Ġob wieġeb u qal:

2"Isimgħuni, isimgħuni kelma, u jkunli dan il-faraġ tagħkom.

3Stabru bija, ħalluni nitkellem, u xħin nispiċċa ddieħku kemm tridu.

4Jewwilla ma' bniedem li għandi xi ngħid jien? M'għandix forsi għax nitlef sabri?

5Araw xi ġrali u għandkom titbikkmu, u tqiegħdu jdejkom fuq fommkom.

6Għax jien imqar naħseb biss nibqa' mnixxef, u taqbadni tkexkixa ma' ġismi kollu.

7L-għala l-ħżiena ħajjithom twila, u kulma jmorru jikbru fis-setgħa?

8Imqabbda fis-sod il-familja tagħhom: missirijiethom għadhom magħhom, u wliedhom taħt għajnejhom.

9Djarhom fiż-żgur, m'għandhomx minn xiex jibżgħu, mhuwiex fuqhom il-bastun ta' Alla.

10Inissel il-barri tagħhom u ma jfallix, tferragħ il-baqra tagħhom u ma tkorrix.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

11Jerħu ż-żgħar tagħhom jimirħu bħall-ħrief, u lit-tfal tagħhom jogħxew fiż-żfin.

12Jgħannu biċ-ċetra u t-tanburlin, u jixxalaw bid-daqq tal-flawt.

13Jgħadduha tajjeb ħajjithom kollha, u jinżlu bis-sliem fl-Imwiet.

14U dawn qalu ’l Alla: ‘Ħallina bi kwietna, minn triqatek ma jimpurtaniex.

15X’inhu Xaddaj biex aħna nobduh? X’se ndaħħlu jekk nitolbuh?’

16M’għandhomx forsi l-ħżiena xortihom f’idejhom għalkemm ħsiebhom
imbiegħed minn Alla?

17Kemm-il darba ntfiet il-lampa tal-ħżiena, jew messithom il-ħsara li ħaqqhom,
jew qassmitilhom uġigħ il-korla ta’ Alla?

18Kemm minnhom saru bħat-tiben mar-riħ, jew bħal sifja maħtufa mir-riefnu?

19Tgħidu: ‘Alla jerfa’ l-kastig tagħhom għal uliedhom’; le, ngħidilkom, lill-ħati
jmissu jagħtih ħalli jitgħallem,

20ħa jaraw għajnejh stess il-kalċi tiegħu, u jixrob huwa nnifsu mill-korla ta’
Xaddaj.

21Għax x’jimpurtah minn daru wara mewtu, meta jkun għalaq l-għadd ta’ xhuru?

22Tgħiduli: ‘Se jgħallem xi ħadd l-għerf lil Alla, Hu li jagħmel ħaqq mill-ogħla
ħlejjaq?’

23Araw: wieħed imut fl-aħjar ta’ saħħtu kollu hieni u kuntent,

24ġenbejh mimlija bis-simna u l-mudullun ta’ għadmu tari.

25Ieħor imut bl-imrar ġo qalbu, mingħajr qatt ma daq xi hena.

26U lkoll xorta fit-trab jimteddu, ‘il wieħed u ’l ieħor jiksi d-dud.

27Ara: jiena naf tajjeb ħsibijietkom, x’qegħdin tfasslu biex tonsbuni.

28Se tgħiduli: ‘Fejn hi issa dar il-prinċep? Fejnhom issa l-għamajjar tal-ħżiena?’

29Ngħidilkom: ‘Staqsu ’l dawk li siefru, u tirruftawx it-tagħrif li ġabru.

30Il-ħażin ma jintmessx minn jum il-ħsara, ikun meħlus xħin tiġi l-korla.

31Ħadd ma jċanfru f’wiċċu għal imġibtu, ħadd ma jħallsu talli għamel.

32U xħin imorru bih għad-difna, tmur warajh in-nies bi ħġarha, u timxi quddiemu
folla kbira;

33tagħmillu fuq qabru sahra, u jkunlu ħelu t-trab tal-wied.’

34Kif tridu, mela, tfarrġuni? Bil-frugħa? Mhux gideb biss baqa’ fi tweġibkom?”


© 2020 Malta Bible Society.

# Ġob 22

### It-tielet diskors ta' Elifaż

1Wieġbu Elifaż it-Temani:

2"Jista' l-bniedem jiswa lil Alla? Jiswielu għallinqas l-għaref?

3X'se żżidlu 'l Xaddaj bil-ħajja tajba tiegħek? X'se jdaħħal Alla minn imġibtek bla tebgħa?

4Jewwilla għat-tjieba tiegħek li Hu jċanfrek u jġibek għall-ħaqq tiegħu?

5Mhux għax kbira hi ħżunitek, u ħtijietek ma ssibx tarfhom?

6Int ħadt ir-rahan lil ħutek għal xejn b'xejn, u neżżajt għerja lill-imċerċrin.

7Int ċħadt l-ilma lill-għajjenin u ma tmajtx lill-imġewħin.

8Int għax tiflaħ ksibt l-art, u tgħammar fiha b'rasek merfugħa.

9Int bgħatt ir-romol b'idejhom vojta, u sħaqt dirgħajn l-iltiema.

10Għalhekk tara nases madwarek, u biża' li jaħkmek għal għarrieda.

11Jew kont taħseb li ma tarax id-dlam, u li ma jgħerrqikx l-għargħar?

12Mhuwiex Alla l-Ogħla tas-sema, u jara ras il-kwiekeb li huma fl-għoli?

13U int tiġi tgħid: 'X'jaf Alla? Kif jista' jiġġudika b'dak is-sħab iswed?

14Jgħattih is-sħab u ma jħallihx jara, fuq il-ħnejja tas-sema Hu jimxi.'

15Trid int taqbad it-triq il-mudlama, li għaddew minnha n-nies il-ħżiena,

16nies li nħatfu qabel żmienhom, meta xmara ġarrfet is-sisien tagħhom?

17Dawn qalu 'l Alla: 'Ħallina bi kwietna; x'jista' jagħmel Xaddaj għalina?'

18Iżda kien Hu li mela bil-ġid lil djarhom, għad li ħsieb il-ħżiena mbiegħed minnu.

19Jaraw dan il-ġusti u jifirħu, dawk ta' bla ħtija jiddieħku u jgħidu:

20'Ġie fix-xejn il-kobor tagħhom, u l-ġid tagħhom belgħu n-nar.'

21Erġa' lejn Alla, agħmel ħbieb miegħu, u mbagħad ikollok riżq tajjeb.

22Ilqa' t-tagħlim ħiereġ minn fommu, u aħżen ġo qalbek kliemu.

23Jekk iddur lejn Xaddaj terġa' tintrafa'; jekk tbiegħed minn darek id-dnewwa,

24jekk tarmi fit-trab id-deheb tiegħek, u qalb iċ-ċagħak tal-wied id-deheb fin tiegħek,


© 2020 Malta Bible Society.

25ikun Xaddaj id-deheb tiegħek, u l-ħażniet tal-fidda tiegħek.

26Issib f'Xaddaj l-għaxqa tiegħek u lejn Alla int terfa' wiċċek.

27Xħin titolbu Hu jagħtik widen, u int troddlu l-wegħdiet tiegħek.

28Kulma trid tagħmel jirnexxilek, għax jiddi d-dawl fuq mogħdijietek.

29Jekk ibaxxuk, għid: 'Jiġi l-qawmien,' għax jingħata l-għajnuna min ibaxxi rasu.

30Alla jeħles lil kull min hu bla ħtija, u int tinħeles għas-safa ta' jdejk."

## Ġob 23

### Tweġiba ta' Ġob

1Ġob wieġeb u qal:

2"Illum ukoll bi rvell se jkun tweġibi, għax idu tħarrax it-tnehid tiegħi.

3Mhux li kont naf fejn insibu, jew xi triq nieħu lejn it-tron tiegħu!

4Kont irressaq quddiemu l-kawża tiegħi b'kotra ta' raġunijiet lesti fuq fommi,

5u nkun naf xi tweġib għandu għalija, u nifhem dak li jrid jgħidli.

6Jaqaw b'wiri ta' saħħa jitlewem miegħi? Le! Imma aktar naħseb li joqgħod jismagħni.

7Hemm jista' l-ġust jirraġuna miegħu, u jien nirbaħ żgur il-kawża tiegħi.

8Jekk immur lejn il-Lvant Hu mhux hemm, jekk lejn il-Punent anqas ma nilmħu.

9Indur lejn it-Tramuntana u ma nsibux, nilwi lejn in-Nofsinhar u lanqas ma narah hemm.

10Għax Hu jaf sewwa l-mixi ta' riġlejja, jekk jgħarbilni niddi bħad-deheb.

11Riġli żamm sħiħ fuq il-passi tiegħu, ħarist triqtu u ma ġġennibtx minnha.

12Ma warrabtx il-kmandamenti ta' xufftejh, għożżejt f'qalbi d-digrieti ta' fommu.

13Iżda Hu qatagħha, min se jreġġgħu lura? Dak li jrid jagħmlu.

14Hu jtemm is-sentenza li qatagħli, u ħafna oħrajn li għandu f'moħħu.

15Għalhekk nitkexkex quddiemu, u mqar naħseb biss nibża' minnu.

16Alla mewwitli qalbi, Xaddaj werwirni.

17Għax ninsab imxekkel mid-dlam, u miksi kollni miċ-ċpar.

## Ġob 24


© 2020 Malta Bible Society.

## Il-moħqrija tal-imsejkna

1“L-għala Xaddaj iżomm moħbija ż-żminijiet, u dawk li jħobbuh ma jarawx jiem il-ħaqq?

2Il-ħżiena jneħħu s-sinjali ta’ qsim l-għelieqi, jisirqu l-imrieħel u jirgħuhom huma.

3Jieħdu l-ħmar tal-iltim, u jżommu b’rahan il-barri tal-armla.

4Ikeċċu mit-triq tagħhom l-imsejkna, u l-fqar tal-pajjiż ikollhom jinħbew.

5Bħal ħmir fix-xagħri joħorġu jitħabtu ħa jsibu l-ikel tagħhom, ix-xagħri jitmgħalhom ’l uliedhom.

6Jaħsdu għelieqi li mhumiex tagħhom, ilaqqtu mid-dwieli tal-għonja.

7Jgħaddu l-lejl għerja mingħajr għata, m’għandhomx ilbies x’jilqgħalhom il-ksieħ.

8Jixxarrbu għasra bix-xita tal-muntanji, jitrekknu mal-blat għax m’hemmx fejn jistkennu.

9Jaħtfu l-iltim minn sider ommu u jżommu b’rahan it-tifel tal-fqir.

10Jiġġerrew għerja mingħajr ilbies, imorru bil-ġuħ bil-qatet f’idejhom.

11Jisħqu fil-magħsar iż-żebbuġ, jagħsru l-għeneb, u mejta bil-għatx.

12Fil-belt jokorbu dawk li qed imutu, griżmejn il-feruti jgħajtu għall-għajnuna, u Alla ma jagħtix kas tat-talba tagħhom.

13Hemm uħud li rvillaw għad-dawl, li ma jridux jafu bi triqatu u f’mogħdijietu ma jżommux.

14Iqum qabel jisbaħ l-assassin, biex joqtol il-fqir u l-imsejken. Billejl iħuf il-ħalliel,

15Iż-żieni wkoll jistenna d-dlam, jgħid lilu nnifsu: “Hadd ma jarani”, u jqiegħed maskra ma’ wiċċu.

16ajiżgassa d-djar fis-satra tad-dlam.

16bBinhar jinqaflu ġewwa dawn li ma jridux jafu bid-dawl.

17Għalihom ilkoll dlam hi l-għodwa, malli jisbaħ jaqbadhom il-biża’.

18 Bil-ħeffa jinġarr il-ħażin fuq wiċċ l-ilma, misħut ikun wirtu fuq l-art, ma jaqbadx aktar it-triq lejn id-dwieli.

19 Bħalma n-nixfa u s-sħana jixorbu l-ilma tas-silġ, hekk jagħmel l-Imwiet lill-midneb.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

20 Jinsieh il-ġuf li ġiebu, u ismu ma jiftakrux iżjed; hekk, bħal siġra, jitkisser il-
ħażin.

21 Hu ħaqar il-mara ħawlija bla nisel, u lill-armla ma tahiex għajnuna.

22 Iżda jqum Dak li jaqbad is-setgħana bil-ħila tiegħu, u l-ħażin ma jkunx aktar
żgur minn ħajtu.

23 Rħielu Alla jixxettel b'tama qarrieqa, iżda għajnejh kienu fuq triqtu.

24 Għola għal ftit u m'għadux aktar, intelaq bħal ħaxix mielaħ kif jinqata', inħasad
bħal ras ta' sbula.

25 Jekk mhux hekk min ġej igiddibni, u jġib fix-xejn l-argument tiegħi?"

## Ġob 25

### Tweġiba ta' Bildad

1 U Bildad minn Suħa wieġeb:

2 "X'kobor ta' setgħa għandu u x'biża' jnissel Alla li jżomm l-ordni fl-ogħla
smewwiet tiegħu!

3 Min jista' jgħoddhom l-eżerċti tiegħu? U 'l min ma tilħaqx l-għassa tiegħu?

4 Kif jista' l-bniedem joħroġ ġust quddiem Alla? Kif jista' jkun safi l-imwieled
minn mara?

5 Anqas il-qamar ma jiddi għalih, u f'għajnejh il-kwiekeb mhumiex safja;

6 wisq inqas il-bniedem li hu ħanex, bin il-bniedem, li mhux għajr dudu.

## Ġob 26

### Kliem Bildad bla sugu

1 Wieġeb Ġob u qal:

2 "M'hawnx għalik kemm tgħinu lid-dgħajjef, kemm taf issaħħu d-driegħ mitruħ!

3 Kemm tagħtih parir lill-injurant, u hekk turi kemm tinqala'!

4 Iżda għal min fhimt tgħidu kliemek? Ta' min hu l-ispirtu li webblek?"
5 "Jirtogħdu fil-qiegħ l-erwieħ tal-mejtin, il-baħar u kulma jgħammar fih.

6 Mikxuf quddiemu l-Imwiet, xejn ma jistorlu Art it-Telfien.

7 Hu jifrex fuq il-vojt tas-smewwiet, iżomm l-art imdendla fuq ix-xejn.

8 Jagħlaq l-ilma fis-sħab tiegħu, u ma jinfaqax is-sħab bit-toqol tiegħu.

9 Hu jgħatti wiċċ il-qamar mimli, jifrex fuqu s-sħaba tiegħu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

10Hażżeż ċirku fuq wiċċ il-baħar, fejn jinferaq id-dawl mid-dlam.

11Il-kolonni tas-sema jirtogħdu, jitwerwru biċ-ċanfir tiegħu.

12Bil-qawwa ta' driegħu sikket il-Baħar, bil-ħila ta' moħħu saħaq lil Raħab.

13B'nifsu jiċċaraw is-smewwiet, idu tinfed is-serp ħafif.

14Dawn biss intietef ta' qawwietu, tfesfisa dgħajfa li nisimgħu fuqu! Min jifhmu, mela, r-ragħad ta' setegħtu?"

## Ġob 27

### Ġob isostni sal-aħħar l-innoċenza tiegħu

1Ġob issokta jitkellem u qal:

2"Naħlef b'Alla l-ħaj, li ċaħħadni mid-dritt tiegħi, b'Xaddaj li mela bl-imrar lil ruħi,

3li sakemm iddum il-ħajja fija, u nifs Alla f'imnifsejja,

4l-ebda ħażen ma jlissnu xufftejja, anqas gidba ma jgħid ilsieni.

5Ma jkun qatt li nagħtikom raġun, insostni sa ma mmut is-sewwa tiegħi.

6Inżomm sħiħ mas-sewwa tiegħi u ma nċedix, ma ċċanfarnix il-kuxjenza dwar ħajti.

7Ha jkun magħdud mal-ħżiena l-għadu tiegħi, u ma' wlied id-dnewwa dak li jmerini.

8Għax, x'tama għandu l-ħażin xħin jitqaċċat, meta Alla jeħodlu ħajtu?

9Jaqaw jisma' Alla l-għajjat tiegħu, meta taqa' fuqu l-ħsara?

10Isib forsi f'Xaddaj l-għaxqa tiegħu? Isejjaħ hu lil Alla f'kull żmien?

11Ngħallimkom jien dwar il-qawwa ta' Alla, il-ħsieb li għandu Xaddaj ma naħbihx.

12Imma għalfejn? Ilkoll rajtuh dan; l-għaliex, mela, tintilfu fi kliem fieragħ?"

### Tweġiba ta' Sofar

13"Ara kif iħallas Alla lill-ħażin, x'wirt jerfa' Xaddaj għal min jaħqar.

14Jekk joktor nislu għas-sejf ikun dan, uliedu ma jkollhomx x'jieklu.

15Dawk li jħalli warajh tidfinhom il-pesta, u r-romol tiegħu ma jibkuhx.

16Jekk jaħżen bħat-trab il-fidda, u jross bħat-tafal balal ta' ħwejjeġ,

17il-ħwejjeġ li rafa' jilbishom wieħed ġust, u l-fidda jiritha bniedem bla ħtija.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

18Ikun bena daru bħal għanqbuta, bħala għarix li talla' għassies.

19Jimtedd għani iżda ma jerġax, xħin jistenbaħ ġidu jkun għosfor.

20It-twerwir ikaxkru bħal għargħar, il-lejl ikaxkru bħal riefnu.

21Riħ mil-Lvant jobormu u jġorru, jikinsu mill-għamara tiegħu.

22Bla ħniena jonfoħ fuqu, hu u jaħrab mill-qabda tiegħu.

23Iċapċap għalih idu, u bi tvenvina jkaxkru minn postu."

## Ġob 28

### Innu ta' tifħir lill-Għerf ta' Alla

1Iva, għandha l-fidda l-minjiera tagħha u d-deheb il-post fejn jissaffa.

2Jittieħed mit-trab il-ħadid, u r-ram mill-ħaġar imdewweb.

3Jagħmel il-bniedem tarf għad-dlam, sal-qiegħ nett hu jistħarreġ. Fil-blat sewdieni u mdallam

4jaqta' mina 'l bogħod mid-djar. Fi mkejjen minsija mir-riġel jiddendel, imbiegħed min-nies jitbandal.

5Dik l-art li minnha joħroġ il-ħobż, minn taħt imqallba bin-nar.

6Minjiera taż-żaffir il-ħaġar tagħha, it-trab tagħha fih id-deheb.

7It-triq għal hemm l-ebda għasfur tal-ħtif ma jafha, anqas għajn il-bies ma tilmaħha.

8Ma jirfsux fuqha l-bhejjem selvaġġi, anqas ma jgħaddi minnha l-iljun.

9Il-bniedem imidd idu għall-blata taż-żnied, iqalleb mill-qiegħ il-muntanji.

10Minn ġol-blat jaqta' mini, u jaraw għajnejh minn kull ħaġar prezzjuż.

11Iħammel ir-ramel tal-widien, u joħroġ għad-dawl ħwejjeġ moħbija.

12Imma l-għerf minn fejn jiġi, u fejn hu postu d-dehen?

13Fejn qiegħed l-għerf ma jafx il-bniedem, l-għerf ma jinstabx f'art il-ħajjin.

14Il-Qiegħ jistqarr: 'Mhux fija'; il-Baħar jgħid: 'Mhux għandi'.

15Bl-ifjen deheb ma jinxtarax, anqas ma jitħallas b'mitqlu fidda.

16Ma jintiżinx mad-deheb ta' Ofir, anqas mal-aħjar oniċi jew maż-żaffir.

17Ma jiswiex daqsu d-deheb u l-ħġieġ, ma jinbidilx ma' važun tad-deheb fin.

18Il-qroll u l-kristall anqas ma nsemmuhom; tikseb l-għerf aqwa mill-ġawhar.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

19It-topaz tal-Etjopja ma jiswiex daqsu, anqas joqgħod ħdejh id-deheb l-aktar fin.

20L-Għerf, mela, minn fejn jiġi? U fejn hu postu d-dehen?

21Hu moħbi minn għajnejn il-ħajjin kollha, hu mistur imqar għat-tjur tal-ajru.

22It-Telfien u l-Imwiet jgħidu: 'B'widnejna ħadna ħbaru.'

23Triq l-Għerf Alla biss jagħrafha, Hu biss jafu postu.

24Għax hu jħares lejn truf l-art, u jara taħt is-sema kollu.

25Meta ffissa lir-riħ il-qawwa tiegħu, u qassam bil-qjies l-ilmijiet;

26meta għamel sieqja għax-xita, u triq għall-beraq tar-ragħad,

27dak il-ħin rah u qiesu, stħarrġu għalkollox u wettqu.

28U qal lill-bniedem: 'Ara, li tibża' mill-Mulej hu l-għerf, li titbiegħed mill-ħażen, l-għaqal.'

## Ġob 29

### Ġob jibki l-imgħoddi

1Ġob raġa' qabad jitkellem u qal:

2"M'hemmx li nerġa' għaż-żmien ta' dari, għall-jiem meta Alla kien iħarisni,

3meta kienet tiddi fuq rasi l-imnara tiegħu, u fid-dawl tiegħu kont nofroq id-dlam!

4M'hemmx li nerġa' għall-aħjar ta' żmieni, meta Alla l-Għoli waqqaf l-għarix tiegħi,

5u Xaddaj kien għadu jġibni u madwari kelli ż-żgħażagħ tiegħi!

6Meta kont naħsel saqajja fil-ħalib u l-balzmu, u nferragħ fuq riġlejja gliegel ta' żejt!

7Meta kont noħroġ lejn bieb il-belt biex nieħu posti fil-misraħ

8iż-żgħażagħ kif jarawni kienu jinħbew, u x-xjuħ iqumu bilwieqfa.

9Il-kapijiet kien jaqtgħu kliemhom, u jqiegħdu subgħajhom fuq fommhom.

10Leħen il-kbarat kien jieqaf, u lsienhom jeħel mas-saqaf ta' ħalqhom.

11Min kien jismagħni kien iberikni, min kien jarani kien ifaħħarni.

12Għax kont neħles il-fqir li jittallab l-għajnuna, u l-iltim li ma kellux min jaqbeż għalih.


© 2020 Malta Bible Society.

13Fuqi kienet tinżel il-barka tal-magħkus, u l-qalb tal-armla kont inferraħ.

14Ilbist il-ġustizzja u hi libbset lili, bħal mantar u turbant sarli s-sewwa tiegħi.

15Kont għajn għall-agħma, u riġel għall-magħtub.

16Kont missier għall-foqra, u l-kawża ta' wieħed ma nafux kont nistħarreġ.

17Kont inkisser ix-xedaq tal-kiefer, u nġagħlu jerħi l-priża minn ħalqu.

18Jien għedt: 'Fil-bejta tiegħi mmut wara jiem kotrana daqs ir-ramel.

19Għeruqi nfirxu sa ħdejn l-ilma, u billejl kelli n-nida fuq il-friegħi.

20Sebħi baqa' jiġġedded miegħi, dejjem ġdid il-qaws f'idejja.'

21In-nies kienet tismagħni siekta, tistenna l-parir mingħandi.

22Wara li nitkellem jien ma kinux jerġgħu huma, kliemi kien jinżel fuqhom qatra
fuq qatra.

23Bħax-xita bikrija kienu jistennew kliemi, u jixorbuh bħax-xita tar-rebbiegħa.

24Jekk kont nitbissmilhom, ma kinux jemmnu lil għajnejhom, u l-ferħ ta' wiċċi
xejn ma kienu jitilfu minnu.

25Kont nurihom it-triq qisni rajjes, kont bħal sultan qalb is-suldati, fejn
immexxihom jien kienu jimxu huma.

## Ġob 30

1"Imma issa jwaqqgħuni għaż-żufjett dawk li huma iżgħar minni, u li
missirijiethom mank kont irridhom joqogħduli mal-klieb tal-merħla tiegħi.

2Għax x'kienet tiswieli l-qawwa ta' jdejhom, dawk li telqithom saħħithom
kollha?

3Mifnija bil-għaks u bil-ġuħ, kienu jiġġerrew fix-xagħri, f'art il-waħx u l-ħrieb;

4ilaqqtu minn qalb l-għollieq il-ħaxix mielaħ, u jieħdu b'ikilhom għeruq il-
ġummar.

5Imkeċċijin minn fost in-nies, jgħajtu warajhom qishom għal ħalliel,

6marru joqogħdu f'xi ħandaq, fil-gandotti jew fi xquq il-blat;

7jokorbu qalb l-imsaġar, u jitgeddsu taħt l-għollieq.

8Razza tal-boloh u nies bla isem, imwarrbin bil-frosta mill-pajjiż.

9U issa jien sirt iż-żufjett tagħhom, il-bniedem li ġejt f'ilsienhom.

10Jistmerruni u jwarrbu minni, xejn ma jżommhom milli jobżquli f'wiċċi.


© 2020 Malta Bible Society.

11Jitkixxfu għal biebi b'għajnejhom fuqi, kull rażan irmew quddiemi.

12Qam l-irmixk fuq il-lemin tiegħi, xeħtuli xkiel ma' saqajja, ħejjew it-triq għat-
telfien tiegħi.

13Hassruli l-mogħdijiet tiegħi, ħsiebhom biss kif jeqirduni, m'hemmx min
jeħlisni minnhom.

14Bħal minn selħa wiesgħa jidħlu għalija, jgħaddu jitgerbu qalb it-tiġrif.

15Twerwir fuq ieħor waqa' fuqi, inkines bħar-riħ il-kobor tiegħi, u l-hena tiegħi
għadda bħal sħaba.

16Issa qed iddub ġo fija ruħi, u ħakmuni jiem ta' dwejjaq.

17Billejl għadmi jaħraq aktar minn kaldarun, u n-nervi ta' ġismi ma jistriħux.

18B'saħħa kbira qabadni minn ħwejġi, rassni mill-għonq tal-qmis;

19Alla tefagħni fil-ħama, u sirt bħat-trab u r-rmied.

20Jien ngħajjatlek u ma tweġibnix nibqa' nsejjaħ u ma tagħtix kasi!

21M'għadekx li kont, sirt krudil miegħi, bil-qawwa kollha ta' driegħek tagħmel
għalija,

22taqtagħni mill-art, trikkibni fuq ir-riħ, u titlaqni nitkaxkar mat-tempesta.

23Jien naf li lejn l-Imwiet qed treġġagħni, lejn dar il-laqgħa għall-ħajjin kollha.

24Se jerfa' xi ħadd idu fuq l-imgħarraq meta fl-hemm tiegħu jitolbu l-għajnuna?

25U ma bkejtx jien għal min kienet iebsa għalih il-ħajja? Ma għalejtx jien għall-
bniedem fil-bżonn?

26Stennejt ir-risq u ġieni d-deni; ittamajt id-dawl u ġieni d-dlam.

27Imsarni jbaqbqu bla mistrieħ, ġew għal wiċċi jiem ta' niket.

28B'qalbi sewda niġġerra bla faraġ, inqum fil-ġemgħa u ngħajjat:

29Sirt jiena ħu x-xakalli, għandi bi sħabi n-ngħam.

30Swiditli l-ġilda aktar minn kaldarun, għadmi jaħraq aktar minn riħ jikwi.

31Qalbet iċ-ċetra tiegħi għal daqq in-niket, u għall-għanja tal-bekkejja l-flawt
tiegħi.

## Ġob 31

1"Għamilt patt ma' għajnejja li fuq xebba ma nixħethomx.

2U x'inhu s-sehem li qassam Alla mill-għoli? X'wirt ħejja Xaddaj mis-smewwiet?


© 2020 Malta Bible Society.

3Mhux il-ħsara għall-midneb u l-iżventura għall-ħżiena?

4Iżda ma jarax Alla l-imġiba tiegħi? Ma jgħoddlix il-passi kollha tiegħi?

5Qatt imxejt jien bil-gideb? Qatt ħaffift il-pass lejn il-qerq?

6Ħa jiżinni Alla b'miżien tajjeb, u jagħraf il-ħajja bla tebgħa tiegħi.

7Jekk ilwejt mit-triq id-dritta, u qalbi strieħet wara t-tħajjir t'għajnejja, jew
weħlet xi tebgħa ma' jdejja,

8ħa niżra' jien u l-frott jieħdu ħaddieħor, u dak li jinbitli jinqala' mill-għeruq.

9Jekk issaħħret qalbi wara mara oħra, u ssajjajt għaliha wara bieb għajri,

10ħa titħan marti għal ħaddieħor, u jmilu fuqha rġiel oħrajn.

11Għax dan hu għamil faħxi, dnub li jiġġudikawh l-imħallfin.

12Hu nar li jaħraq sat-Telfien, u jeqridli ġidi kollu.

13Qatt ċħadt il-jedd lill-qaddej tiegħi, jew lill-qaddejja xħin tlewmu miegħi?

14Le, għax x'kont nagħmel li kellu jqum Alla? X'kont inwieġeb li kien jiġi
jistħarriġni?

15Min għamel lili fil-ġuf, ma għamilx ukoll lilu? Mhux l-istess wieħed sawwarna
fi ħdan ommijietna?

16Qatt ċħadt jien lill-foqra dak li xtaqu? Hallejt jien għajnejn armla jinfnew?

17Qatt kiltu waħdi l-bukkun tiegħi? Ma kielx ukoll minnu l-iltim,

18li minn ċkunitu rabbejt bħal missier, u mexxejtu sa minn ġuf ommu?

19Jekk rajt xi msejken mifni bl-għera, jew xi fqir li ma kellux għata,

20u ma berkunix ġenbejh, jew ma ssaħħanx bis-suf tan-nagħaġ tiegħi;

21jekk erfajt idi kontra l-innoċenti, għax kelli fil-qorti min jaqbeż għalija,

22ħa tinqala' spallti minn ġo għonqi, u driegħi jinkiser mill-minkeb.

23Għax kont nibża' mill-kastig ta' Alla, u ma niflaħx għall-kobor ta' sebħu.

24Qatt għedt lid-deheb: 'Inti t-tama tiegħi,' jew lid-deheb fin: 'Bik mistrieħa rasi'?

25Fraħt xi darba bil-kotra ta' ġidi, jew bil-qligħ kbir li kisbuli jdejja?

26Jekk rajt ix-xemx tiddi, u l-qamar tiela' bi ġmielu,

27tgħawwiet forsi qalbi bis-serqa, u tajthom bewsa b'idi ma' fommi?

28Mhuwiex delitt li jiġġudikawh l-imħallfin, talli nkun ċħadt 'l Alla li jsaltan fl-
għoli?


© 2020 Malta Bible Society.

29Hadt xi gost bid-deni tal-għadu tiegħi, inkella fraħt meta laqtitu l-ħsara?

30Le, anqas ilsieni ma ħallejt jidneb b'xi talba ta' saħta fuq ħajtu.

31Qatt qalu n-nies ta' dari: 'Mhux li konna nixbgħu mill-mejda tiegħu?'

32L-ebda frustier ma ħallejt jgħaddi l-lejl barra, dari ftaħtha lill-vjaġġatur.

33Qatt ħbejt bħal Adam dnubi, jew sarrejt fi ħdani ħtijieti,

34jew bqajt sieket magħluq ġewwa dari, għalkemm l-għagħa tal-kotra kienet
tbeżżagħni, u jkexkixni t-tmaqdir tat-tribù?

35Mhux li kien jisma' xi ħadd il-kawża tiegħi! Hawn hi l-firma tiegħi! Ha jweġibni
Xaddaj!

36M'hux li kelli l-att tal-akkuża ta' min xlieni! Fuq spallti kont inġorru, jew ma'
rasi ndawru bħal kuruna.

37Kont ngħoddlu wieħed wieħed il-passi tiegħi, kont nersaq lejh bħal wieħed
kbir.

38Jekk għajjat kontrija r-raba' tiegħi, u bkew flimkien ir-raddi tiegħu,

39għax kilt bla ħlas mill-frott tiegħu, u dawk li ħadmuh fnejtilhom ruħhom,

40flok qamħ jinbitli x-xewk, flok xgħir ħaxix ħażin." Tmiem id-diskors ta' Ġob.

## Ġob 32

### Jindaħal Eliħu bejn Ġob u ħbiebu

1Imbagħad dawk it-tlitt irġiel ma weġbuhx iżjed għax hu baqa' jżomm ruħu
b'ġust.

2Hawn xegħlet il-korla ta' Eliħu bin Barakel, il-Bużi, mill-familja ta' Ram. Inkorla
għal Ġob għax baqa' jżomm li għandu raġun fil-kawża tiegħu ma' Alla;

3inkorla wkoll għal tlitt iħbieb tiegħu għax ma sabux xi jweġbuh u hekk jiġi li taw
tort lil Alla.

4Eliħu kien baqa' sieket waqt li kienu jitkellmu huma ma' Ġob għax kienu akbar
minnu fiż-żmien.

5Iżda kif ra li dawn it-tlitt irġiel ma kienx baqgħalhom tweġiba fuq fommhom,
Eliħu ried jiżfoga l-korla tiegħu.

6Mela qabad iwieġeb Eliħu bin Barakel, il-Bużi, u qal: "Jien żgħir fiż-żmien u
intom mgħobbija bis-snin; għalhekk qgħadt lura, u bżajt quddiemkom inperreċ
għerfi.

7Kont inżomm li l-jiem jitkellmu, u l-ħafna snin jgħallmu l-għerf.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

8Iżda hu l-ispirtu fil-bniedem, nifs Xaddaj li jagħti d-dehen,

9u mhux għax xjuħ il-bnedmin jifhmu, lanqas għax anzjani ma jafu x'inhu s-sewwa.

10Għalhekk ngħid: 'Isimgħu lili, jien ukoll irrid nuri fehemti.'

11Ara qgħadt b'sabri nismagħkom titkellmu, u niżen ir-raġunijiet li ġġibu; intom u tagħżlu l-argumenti tagħkom

12ħsiebi kien wieqaf fuqkom. Iżda ma sibtx wieħed li jmeri 'l Ġob sewwa, ħadd minnkom ma għaraf iwaqqagħlu kliemu.

13Tiġux tgħidu: 'Sibna l-Għerf ma' wiċċna; li Alla biss jista' jegħlbu u mhux il-bniedem.'

14Għalhekk mhux b'dal-mod infassalhom l-argumenti, mhux bi kliemkom se nwieġbu 'l Ġob.

15Arahom! tbikkmu, ma ssuktawx iwieġbu, il-kliem naqashom.

16Se nibqa' nistenna meta huma siktu, meta waqfu u ma weġbux aktar?

17Le! Inwieġeb jien ukoll kif imissni, jien ukoll irrid nuri fehemti!

18Imfawwar jien bil-kliem li għandi, u jrossni l-ispirtu ta' ġo fija.

19Ħdani qisu mimli b'inbid jiffermenta, irid jinfaqa' bħal ġarar b'inbid ġdid.

20Ikolli nitkellem ħa nsib mistrieħ, niftaħ fommi u nwieġeb,

21bla ma nżomm ma' xi ħadd, bla ma mmelles 'l ebda bniedem.

22U tabilħaqq anqas naf immelles, u għax kieku dlonk jaħtafni l-Ħallieq tiegħi.

# Ġob 33

### Eliħu jitkellem fuq il-misteru ta' Alla

1"Issa, Ġob, qis li tisma' kliemi, u tagħti widen għal kulma ngħidlek.

2Ara, se niftaħ fommi, kliemi qiegħed fil-ponta ta' lsieni.

3Se ngħid għad-dritt dak li għandi f'moħħi, u xufftejja jitkellmu s-sewwa,

4għax l-ispirtu ta' Alla għamilni, u n-nifs ta' Xaddaj jagħtini l-ħajja.

5Isa, weġibni jekk għandek ħila, ħejji ruħek ħa teħodha miegħi.

6Ara, jien bħalek quddiem Alla, jiena wkoll imsawwar mit-tajn;

7xejn ma għandek għax tibża' minni, mhux se tkun tqila idi fuqek.

8Żgur li għedt int quddiemi għedtu, u leħen kliemek smajtu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

9Int għedt: 'Jien safi, f'xejn ma nqast; safi jien, nadif jien.

10Iżda Hu jfittex fiex jaqbad miegħi, u jżommni b'għadu tiegħu.

11Iqegħedli fiċ-ċipp riġlejja, u jgħassisli triqati kollha.'

12Ara, għal dan inwieġbek: 'Sejjer żball', għax Alla hu akbar mill-bniedem.

13Għaliex trid teħodha miegħu jekk ma jweġibx għal kull kelma tiegħek?

14Alla jitkellem darba, u kelmtu ma jtennihiex.

15Fil-ħolm, f'xi dehra billejl, xħin jaqa' n-ngħas fuq il-bnedmin, u jkunu reqdin fuq friexhom,

16dak il-ħin Alla jnebbaħhom, u bit-twiddib ibeżżagħhom,

17biex idawwar il-bniedem minn triq il-ħażin u jħarsu mill-kburija;

18biex iħarislu ruħu mill-qabar, u 'l ħajtu milli taqsam il-ħondoq.

19Iwiddbu wkoll bl-uġigħ fuq is-sodda tiegħu, u bit-torturi bla heda f'għadmu;

20meta titmeżmeż gerżumtu mill-ħobż, u ma jitħajjarx aptitu mill-ikel bnin;

21meta jdub laħmu u ma jidhirx iżjed, u l-għadam li ma kienx jidher jaqbeż 'il barra;

22meta toqrob ruħu lejn il-qabar, u ħajtu lejn dar il-mejtin,

23imma jekk ikollu ħdejh anġlu, wieħed minn elf, medjatur, li juri bniedem kif għandu jġib ruħu, u jreġġgħu lejn is-sewwa tiegħu,

24u jħenn għalih u jgħid 'l Alla: 'Aħfirhielu, tibagħtux il-qabar, sibt rahan għall-fidwa ta' ħajtu,'

25jixxettel ġismu bħal meta kien tfajjel u jerġa' għaż-żmien ta' żgħożitu.

26Jitlob 'l Alla u jkun milqugħ tajjeb, u jara bil-ferħa wiċċ Alla li jreġġgħu għal li kien.

27U jmur itenni lin-nies u jgħid: 'Kont dnibt u għawwiġt is-sewwa, imma Alla ma ħallasnix kif imiss;

28ħelisli 'l ruħi milli tmur fil-qabar, u qed tgawdi ħajti d-dawl.'

29Ara: dan kollu jagħmel Alla, darbtejn tlieta, b'risq il-bniedem,

30biex ireġġagħlu ħajtu mill-fossa lejn id-dawl f'art il-ħajjin.

31Ħsiebek hawn, Ġob, ismagħni! Stabar sa ma nitkellem.

32Jekk għandek xi tgħid, weġibni, tkellem, għax nixtieq li jidher is-sewwa tiegħek.


© 2020 Malta Bible Society.

33Jekk m'għandekx, agħtini widen, iskot u ngħallmek l-għerf."

# Ġob 34

### Alla ma jgħawwiġx is-sewwa

1Eliħu ssokta jgħid:

2"Isimgħu, għorrief, kliemi, intom li tifhmu, iftħu widnejkom;

3għax il-widna tiżen il-kliem bħalma l-ħalq itiegħem l-ikel.

4Ha nistħarrġu għalina x'inhu s-sewwa, u naqtgħuha bejnietna x'inhu t-tajjeb.

5Ġob qal: 'Ġust jien, iżda Alla ċaħħadni mid-dritt tiegħi.

6Kontra l-ġustizzja jien ħadt it-tort, midrub jien bil-vleġeġ tiegħu għalkemm bla ħtija.'

7Hawnx bniedem bħal Ġob jixrob bħall-ilma ż-żebliħ?

8Hu ssieħeb man-nies il-ħżiena, u jaqbel ma' dawk ta' fehmiet mgħawġa.

9Hu stqarr: 'Xejn ma jiswielu l-bniedem li jfittex jimxi sewwa ma' Alla.'

10Imma intom, nies bil-għaqal, isimgħuni: Ma jistax ikun li Alla jagħmel id-deni, li Xaddaj jagħmel dak li hu ħażin.

11Għax Hu jħallas il-bniedem skont għemilu, lil kull wieħed skont ma jġib ruħu.

12Le, Alla qatt ma jaħdem id-dnewwa, Xaddaj qatt ma jmur kontra l-ġustizzja.

13Min tahielu l-ħakma fuq l-art tiegħu? Min irħieha fi ħsiebu t-tmexxija tad-dinja?

14Jekk iraġġa' għal għandu l-ispirtu tiegħu, u jieħu lura nifs il-ħajja,

15jinqered kull ħaj f'salt wieħed, u jerġa' l-bniedem lejn it-trab.

16Issa, jekk għandek għaqal isma' x'se ngħidlek, iftaħ widnejk għas-sens ta' kliemi.

17Jista' jiggverna min jobgħod is-sewwa? Trid int tikkundanna l-Ġust innifsu?

18Lil Dak li jgħid lis-sultan: 'Ja vili', u 'Ja nies ħżiena' lill-prinċpijiet?

19Hu ma jimxix bil-favuri mal-kbarat, lanqas jistma l-għani aktar mill-fqir, għax kollha huma xogħol idejh.

20F'sabta jmutu mqar f'nofs ta' lejl, għad-daqqa t'idu jispiċċaw l-għonja, u jgħibu t-tiranni bla taħbit.

21Għax Alla għajnejh fuq l-imġiba tal-bniedem, u jiflilu passih kollha.


© 2020 Malta Bible Society.

22M'hemmx dlam lanqas swied, fejn jista' jinħeba min jagħmel id-dnewwa.

23Lil ħadd ma jagħti żmien fiss, biex jersaq quddiemu għall-ħaqq.

24Iġarraf, bla ma jistaqsi, lill-qawwijin, u jqiegħed oħrajn minflokhom.

25U billi jaf tajjeb għemilhom, jaqlibhom billejl u jiġġarrfu.

26Ta' ħżiena li huma jaħbathom, f'post fejn jistgħu jarawhom,

27talli tbiegħdu minnu, u warrbu kull twissija tiegħu,

28hekk li ġagħlu l-għajjat tal-fqir jitla' quddiemu, u Hu sama' l-krib tal-maħqurin.

29U jekk jibqa' ħiemed, min jista' jagħtih tort? U min sa jilmħu jekk jaħbi wiċċu?
Iżda fuq ġnus u bnedmin Hu jishar,

30biex la jsaltan wieħed ħażin, lanqas ma jinstaram il-poplu.

31Issa nagħmluha li wieħed jgħid lil Alla: 'Tqarraqt, iżda ma nżidx nidneb,

32sa ma nagħraf dan għallimni int, jekk għamilt id-deni ma nissuktax,'

33taħseb li għandu jħallsu kif jidher lilek, għax inkella ma toqgħodx għalih?
Għandu jgħid lilek: 'Int tagħżel, mhux jien'? Għidli, mela, x'jidhirlek!

34Jgħiduli n-nies bil-għaqal, u bħalhom jgħid l-għaref li jismagħni:

35'Ġob ma tkellimx ta' għaref, dak li qal kien bla għaqal.

36Iżda Ġob sal-aħħar għandu jiġġarrab għat-tweġib tiegħu ta' midgħi.

37Hu jżid dan ma' dnubietu, li jiċħad f'wiċċna stess it-tort tiegħu, u ma jehdiex
imaqdar lil Alla.' "

## Ġob 35

### Alla mhuwiex indifferenti għal ġrajjiet il-bniedem

1Eliħu ssokta jgħid:

2"Taħseb int li dan huwa sewwa, tgħid: 'Jien għandi raġun, mhux Alla',

3jew xħin tgħid: 'X'jiswieli? Fiex jien aħjar jekk ma nidnibx?'

4Għal dan jien hekk inwieġeb, lilek u 'l ħbiebek f'daqqa:

5'Erfa' għajnejk lejn is-sema, ħares, qis is-sħab kemm hu ogħla minnek!

6Jekk tidneb x'deni tagħmel lil Alla? U mqar tkattar ħtijietek, x'tagħmillu?

7Jekk tagħmel is-sewwa x'tagħtih? X'se jieħu b'daqshekk mingħandek?

8Lil bniedem bħalek tolqot ħżunitek, lill-bnedmin ħutek jiswa s-sewwa tiegħek.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

9Taħt it-toqol tal-moħqrija n-nies tgħajjat, u kontra driegħ il-qawwijin titlob l-
għajnuna.

10Iżda ħadd minnhom ma jgħid: 'Fejn hu Alla li ħalaqni, li jagħti l-wens billejl,

11li jgħallimna aktar mill-bhejjem tal-art, u jagħmilna egħref mit-tajr tal-ajru.'

12Uħud jgħajtu iżda Hu ma jweġibx, minħabba kburithom ta' nies ħżiena.

13Kollu ta' xejn, Alla ma jagħtix widen għall-kliem fieragħ, Xaddaj ma jagħtix
kasu.

14Kemm inqas, mela, xħin int tgħid li ma tilmħux, li ressaqt kawża quddiemu u
qed tistennieh,

15jew xħin tgħid li xejn ma tikkastiga l-korla tiegħu, u li Hu ma jagħrafx sewwa l-
ħtija?

16Tassew, fil-vojt Ġob jiftaħ ħalqu, ipaċpaċ ħafna u bla sens."

## Ġob 36

### Ir-raġuni vera ta' tbatijiet Ġob

1Eliħu ssokta jgħid:

2"Stenna, Ġob, ftit ieħor ħalli nurik raġunijiet oħra favur Alla.

3Naqla' mill-qiegħ tal-ħażna t'għerfi ħa nagħti raġun lill-Ħallieq tiegħi.

4Emminni ngħidlek: 'M'hemmx tagħwiġ fi kliemi; għaref kif imiss għandek
quddiemek.'

5Ara, Alla hu ta' qawwa liema bħalha, iżda ma jistmellx lis-sinċiera.

6Ma jħallix lill-ħżiena jgħixu, u jagħmel ħaqq mal-maħqurin.

7Ma jwarrabx għajnejh minn fuq il-ġusti; fuq tron iqegħedhom mas-slaten; għal
dejjem ikunu merfugħa.

8Iżda jekk jiġu marbuta bil-ktajjen, u miżmuma fil-ħbula tan-niket,

9Hu jurihom dak li għamlu, li dinbu għax refgħu rashom.

10Jiftħilhom widnejhom għat-twissija, u jordnalhom iduru mill-ħażen.

11Jekk jisimgħu u joqogħdu jgħaddu jiemhom fil-ġid, u sninhom fit-tgawdija.

12Jekk ma jobdux jgħaddu għal Art l-Imwiet, imutu bla ma jintebħu.

13Dawk ta' ras iebsa jsorru l-korla, u ma jitolbuhx għajnuna xħin jgħakkishom,

14imutu fil-fjur ta' żgħożithom, itemmu ħajjithom bħaż-żienja.


© 2020 Malta Bible Society.

15Hu jifdi l-magħkus bit-tagħkis tiegħu, jiftaħlu għajnejh bin-niket tiegħu.

16Lilek ukoll mill-għawġ jaqilgħek f'post komdu jqiegħdek u bla xkiel, u jkollok
mejda mimlija bl-aħjar ikel.

17Iżda int tiddefendix il-kawża tal-ħżiena u żomm imħarsa d-digrieti tiegħu.

18La tħallix l-għana jħassrek, tixxaħħamx b'xi rigal kbir.

19Se jiswa quddiemu fil-hemm ġidek, u s-setgħa kollha li ksibt minnu?

20Tixxennaqx għal dak il-lejl, meta jgħibu l-popli mnejn ikunu.

21Qis li ma ddurx lejn il-ħażen, għax għalhekk ġejt imġarrab mill-hemm.

**Tifħir lill-Għerf u s-Setgħa bla qjies ta' Alla**

22Ara, Alla jgħaddi 'l kulħadd fil-qawwa tiegħu; u liema mgħallem iħabbatha
miegħu?

23Min urieh kif għandu jimxi? Min jista' jgħidlu 'għamilt ħażin'?

24Qis li tfaħħar il-kobor t'għemilu, il-ħolqien li għannewh il-bnedmin.

25Iħares lejh kull bniedem, jarawh mill-bogħod il-bnedmin.

26Alla hu hekk kbir li anqas nifhmuh, u l-għadd ta' sninu ma nsibux tarfu.

27Hu jiġbed il-qtari tal-ilma, li jqattru x-xita mill-ġibjun tiegħu,

28sa ma jimtela s-sħab bihom u jsawbuhom fuq l-art f'ħalbiet.

31Bihom Hu jitma' l-popli, jagħtihom ikel bil-kotra.

29Min jista' jifhem kif jinfirex is-sħab u jkarwat ir-ragħad fit-tinda tiegħu?

30Hu jifrex madwaru d-dawl tiegħu, iwaqqaf fuq għejun il-baħar it-tron tiegħu.

32Fuq kefef idejh tleħħ il-berqa, u jwaddabha fejn irid jolqot.

33L-Għoli jitkellem bir-ragħad tiegħu, jiżfoga fuq il-ħażen il-qilla tiegħu!

## Ġob 37

1Minħabba f'hekk tħabbat qalbi, trid taqbeż barra minn postha.

2Isimgħu sewwa 'l leħnu jriegħed, it-tkarwit ħiereġ minn fommu.

3Ileħħ taħt is-sema kollu l-beraq tiegħu, u jilħaq l-art minn tarf għal ieħor.

4Wara dan iddamdam ir-ragħda, il-leħen tal-kobor tiegħu, u ħadd ma jiflaħ għall-
ħsejjes tagħha.

5Iriegħed Alla b'leħnu tal-għaġeb, jagħmel ħwejjeġ kbar ma nifhmuhomx.

6Hu jgħid lis-silġ: 'Inżel fuq l-art', u lill-ilma tax-xita: 'Agħmel bil-qliel'.


© 2020 Malta Bible Society.

7Hu jaqfel ġewwa l-bnedmin kollha biex jagħraf kulħadd li Hu għamel dan.

8U jidħlu l-bhejjem fl-għerien tagħhom, joqogħdu għall-kenn fil-bejta tagħhom.

9Mill-kamra tan-Nofsinhar joħroġ ir-riefnu, u l-ksieħ mir-riħ tat-Tramuntana.

10Bin-nifs ta' Alla jingħata s-silġ, u l-firxiet tal-ilma bl-infiħ ta' mnifsejh.

11Ix-xemx tiegħu tiknes iċ-ċpar, id-dawwala tiegħu tferrex is-sħab.

12U jdur is-sħab 'l hawn u 'l hemm, ibiddel ir-rotta skont it-tmexxija tiegħu, u
jagħmel kulma jordnalu fuq wiċċ id-dinja kollha tiegħu.

13Sew b'kastig, jekk ma jobdix, sew bi ħniena, li jrid hu jsir.

14Isa, Ġob, agħti widen għal dan, aħseb fuq l-għeġubijiet ta' Alla!

15Taf xejn kif Alla jrieġi l-ħlejjaq, kif iġiegħel tberraq is-sħaba tiegħu?

16Taf int kif iżomm fl-ajru s-sħab, għaġeb ta' Dak li għerfu perfett?

17Int, li ħwejġek jisħnu fuqek xħin taqa' l-kalma bir-riħ isfel,

18frixtha int miegħu l-ħnejja tas-sema, iebsa daqs mera tal-bronż imdewweb?

19Għarrafna int x'għandna ngħidulu, għax aħna fid-dlam u ma nsibux kliem.

20Jista' bniedem jgħid 'l Alla xħin għandu jitkellem jew iġagħlu jagħmel xi
stqarrija?

21Jiġi ħin li d-dawl ma narawhx, ikun imdallam mis-sħab oħxon. Iżda mbagħad
jonfoħ riħ li jiknishom,

22u tfiġġ dija tad-deheb mit-Tramuntana, Alla mdawwar b'sebħu tal-biża'.

23Xaddaj li jista' kollox aħna ma nilħqhux; Hu għoli fil-qawwa u l-ħaqq, Hu sid il-
ġustizzja, m'għandux iwieġeb.

24Għalhekk għandu kulħadd jibża' minnu, u jagħtih qima kull min hu għaref."

## Ġob 38

### Alla jħawwad lil Ġob

1Il-Mulej wieġeb lil Ġob minn ġot-tempesta u qallu:

2"Min hu dan li jrid joskura l-pjan ta' Alla bi kliem bla għaqal?

3Isa, ħażżem bħal qalbieni ġenbejk, ħa nsaqsik u inti weġibni.

4Fejn kont int jien u nqiegħed sisien l-art? Għidli, jekk għandek id-dehen.

5Min ħażżiżhom il-qisien tagħha? Min ħadulha l-qjies? Żgur taf int!

6Fuqiex qed iżommu l-kolonni tagħha? Min qiegħed ras il-għareb tagħha,

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

7hi u tgħanni l-ġemgħa tal-kwiekeb ta' filgħodu, u tgħajjat bil-ferħ ix-xirka ta'
wlied Alla?

8Min kien dak li għalaq il-baħar b'bibien, meta dan b'qawwa ħareġ mill-ġuf,

9meta bis-sħab libbistu, u bid-dlam fisqejtu,

10meta t-truf tiegħu qegħedtlu bħal xatbiet, u bibien li bihom għalaqtu

11u għedtlu: 'Sa hawn biss tasal u mhux aktar, ma taqbiżx minn hawn il-qawwa
ta' mwieġek'?

12Qatt kemm ilek fid-dinja kkmandajt is-sebħ, jew urejt liż-żerniq postu,

13biex jaqbad l-art mit-truf tagħha, u jfarfar minnha l-ħżiena?

14Bih tinbidel bħal tafal taħt is-siġill, u tiġi mżewqa bħal libsa.

15Jinqata' lill-ħżiena d-dawl tagħhom, u d-driegħ merfugħ jitkisser.

16Qatt wasalt sa għejun il-baħar, u mxejt fuq il-qiegħ tiegħu?

17Qatt urewk bibien l-Imwiet? Qatt rajt b'għajnejk bibien id-Dlam?

18Qatt ħaddant b'ħarstek il-medda sħiħa tal-art? Taf tgħidli l-wisa' kollu tagħha?

19Minn fejn tgħaddi għal ħdejn id-dawl, u fejn joqogħdu d-dlamijiet,

20biex tmexxihom sas-saltna tagħhom, jew tqabbadhom it-triq lejn darhom?

21Int tafu dan la diġà kont imwieled, u l-għadd ta' sninek kbir tassew!

22Qatt wasalt sal-imħażen tal-borra? Rajthom xejn il-ħażniet tas-silġ,

23li għandi merfugħa għal żmien il-ħsara, għal jiem it-taqbid u l-gwerra?

24Kif tinfirex is-sħana, u jixtered fuq l-art ir-riħ isfel?

25Min fetaħ għall-għargħar is-swieqi, u t-triq għall-beraq tar-ragħad,

26biex jagħmel ix-xita fuq art bla nies, fuq deżert li ħadd ma jgħix fih,

27biex isaqqi art żdingata u mitluqa, u jnibbet ħxejjex minn art maħruqa?

28Jaqaw għandha xi missier ix-xita? U l-qtar tax-xita min nisslu?

29Minn ħdan min ħareġ is-silġ? Min ta t-twelid lill-ġlata tas-sema,

30li biha jibbies daqs il-ġebel l-ilma, u jagħqad wiċċ il-baħar bla qiegħ?

31Għandek il-ħila tgħaqqad il-kwiekeb tat-Trajja, jew tħoll minn xulxin l-istilel
tal-Ġgant?

32Toħroġ inti f'waqtha l-kewkba Mażarot, jew tmexxi l-Orsa biż-żgħar tagħha?

33Taf hekk sewwa l-liġijiet tas-sema, li tikteb għall-art l-ordni tagħhom?

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

34Tista' tgħolli sas-sħab leħnek, u tniżżel fuqek ħalba xita?

35Tibgħat int il-beraq u jmorrulek? Se jgħidulek: 'Arana, sejrin'?

36Min nissel f'Thot l-għerf? Min żejjen bid-dehen lil Sekwi?

37Min jista' b'għerfu jgħodd is-sħab, jew jaqleb il-qliel tal-ilma tas-sema,

38meta tkun għaqdet ġebla l-ħamrija u t-tub imwaħħal flimkien?

39Taqbad int il-priża għall-iljuna, u ttaffi l-ġuħ tal-frieħ tagħha,

40xħin ikunu mixħuta fl-għar tagħhom jew jissajjaw fil-moħbi għall-ħatfa?

41Min iħejji liċ-ċawlun l-ikla tiegħu xħin jgħajtu 'l Alla ż-żgħar tiegħu, u jkunu
jwerżqu bil-ġuħ?

## Ġob 39

1"Taf int meta jferrgħu l-mogħoż tal-muntanji? Qatt rajt iċ-ċriev waqt il-ħlas
tagħhom?

2Tgħodd int ix-xhur tat-tqala tagħhom, u tkun taf xħin għandhom jeħilsu?

3Huma jinżlu kokka u jferrgħu l-boton, u jerħu fix-xagħri l-frieħ tagħhom.

4Meta jissaħħu l-frieħ u jikbru, jitilqu u ma jiġux lura lejhom.

5Min telaq ħieles lill-ħmar selvaġġ? Min qatagħlu l-irbit tiegħu?

6Kont jien li tajtu d-deżert b'daru, u l-art selvaġġa b'għamara tiegħu.

7Hu jistmerr il-ħsejjes tal-belt, u ma jridx jisma' ordnijiet tas-sewwieq.

8Idur fuq l-għoljiet għall-mergħa tiegħu, ifittex kull roqgħa ta' ħdura.

9Irid jewwilla l-gendus selvaġġ jaħdimlek, jew jgħaddi l-lejl ħdejn il-maxtura
tiegħek?

10Torbotlu inti ħabel m'għonqu, u żżommu jxattab ir-raddi warajk?

11Tafdah int għax b'saħħtu ħafna, u terħi lilu x-xogħol iebes tiegħek?

12Temmen int li jiġik lura biex jidres il-qamħ fuq il-qiegħa tiegħek?

13Ġewnaħ in-nagħma jħabbat bil-qawwa, iżda n-nagħma bħall-għarnuq ma ttirx.

14Meta titlaq fuq l-art il-bajd tagħha, u tħallihom jisħnu fit-trab,

15ma jiġix f'moħħha li xi riġel jista' jgħaffiġhom, jew tirfishom xi bhima selvaġġa.

16Twebbes qalbha għal frieħha, qishom mhumiex tagħha, ma tinkeddx jekk jisfa
fix-xejn ix-xogħol tagħha.

17Dan għax Alla ċaħħadha mill-għerf, u ma taha l-ebda sehem fid-dehen.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

18Iżda xħin tagħti s-salt u tirranka, tisfida liż-żiemel u r-rikkieb.

19Tagħti int liż-żiemel is-saħħa, jew tlibbislu għonqu bix-xuxa?

20Iġġagħlu inti jaqbeż bħall-ġrad, hu li jbeżżgħek xħin jiżher u jonfor?

21Kollu ferħan iħabbat bil-qawwa nagħlu, u joħroġ b'saħħa għal quddiem l-armi.

22Jisfida l-periklu, ma jitwerwirx, lanqas jinqata' quddiem is-sejf.

23Fuq dahru ċċekċek il-barżakka, tleqq il-lanza u x-xabla magħha.

24Bil-ħeġġa u l-leblieba t-triq jiblagħha, ma jibqax sabar fih kif jisma' t-tromba.

25Għal kull żarżira jiżher waħda, ixomm mill-bogħod it-taqbida, it-tħambiq tal-
fizzjali u l-għajjat ta' gwerra.

26Jaqaw għallimtu int jittajjar is-seqer, u jifrex ġwenħajh lejn in-Nofsinhar?

27U l-ajkla b'ordni tiegħek li titla' fl-għoli, u tagħmel hemm fuq nett il-bejta
tagħha?

28Fuq l-irdum hi toqgħod u tgħaddi l-lejl, fuq il-qċaċet il-fortizza tagħha.

29Minn hemm fuq tgħarrex għall-priża, jarawha mill-bogħod għajnejha.

30Il-frieħ tagħha jsoffu d-demm, fejn ikunu l-maqtulin hemm tkun hi."

# Ġob 40

### Ġob ibaxxi rasu quddiem il-kobor ta' Alla

1Il-Mulej kellem lil Ġob u qallu:

2"Bi ħsiebu jċediha min qabad kawża ma' Xaddaj? Ħa jwieġeb, mela, dak li
għandu xi jgħid f'Alla!"

3Ġob wieġeb lill-Mulej u qallu:

4"X'nista' nwieġeb jien li ma niswiex karfa? Ikolli nqiegħed idi fuq ħalqi!

5Darba tkellimt u ma nerġax; darbtejn, u ma nissuktax."

6U l-Mulej wieġeb lil Ġob minn ġot-tempesta:

7"Ħażżem ġenbejk bħal wieħed qawwi, ħa nsaqsik u int għallimni.

8Trid int twaqqa' s-sentenza tiegħi, tagħti tort lili biex tieħu raġun int?

9Għandek inti driegħ bħal ta' Alla? Tista' theżżeż b'leħen bħal tiegħu?

10Iżżejjen, mela, bil-kobor u l-foħrija, ilbes is-sebħ u l-ġmiel;

11sawwab il-fawra tal-qilla tiegħek, ħares lejn kull kburi u waqqgħu,


© 2020 Malta Bible Society.

12ħares lejn kull kburi u baxxih, kexkex bid-dija tiegħek il-ħżiena,

13idfinhom fit-trab flimkien, għammdilhom wiċċhom fil-qabar,

14imbagħad jiena stess infaħħrek, talli rebbħitek il-leminija tiegħek.

15Ħares issa lejn l-ippopotamu li jien ħlaqt bħalma ħlaqt lilek; ħaxix jiekol dak
bħall-baqar.

16Iżda x'saħħa għandu f'ġenbejh! Fil-muskoli ta' żaqqu l-qawwa tiegħu.

17Denbu iebes daqs iċ-ċedru, l-għeruq ta' kuxxtejh mibruma.

18Għadmu kanen tal-bronż, u l-kustilji vireg tal-ħadid.

19Hu l-aqwa fost l-opri ta' Alla, min għamlu biss jista' għalih;

20l-għoljiet iġibulu l-għelejjel tagħhom, hemm jitliegħbu l-bhejjem selvaġġi.

21Hu jimtedd taħt is-siġar tas-seder, jinħeba qalb il-qasab u fl-għadajjar.

22Ikollu d-dell mill-weraq tas-seder, u ż-żafżâf tal-wied idur miegħu.

23Jekk tfur ix-xmara ma jinstaramx, lanqas jekk jogħla sax-xifer il-Ġordan.

24Min sa jaqbdu minn għajnejh, u min jigganġah minn imnieħru?

25Xi ngħidu mbagħad għall-kukkudrill? Se taqbdu inti b'sunnara, jew torbotlu
b'ħabel ilsienu?

26Se tgħaddilu lenza minn imnieħru, jew tinfidlu b'ġanċ ix-xedaq?

27Se joqgħod jittallab ħniena mingħandek, jew ifissdek bi kliem mieles?

28Taħseb int li jintrabat miegħek, biex joqgħodlok b'qaddej għal dejjem?

29Se tilgħab bih bħal għasfur, u torbtu għall-bniet iż-żgħar tiegħek.

30Se jiftiehmu fuq prezzu s-sajjieda, u jitqassam lill-bejjiegħa?

31Timlielu int bil-vleġeġ ġildu, jew rasu bil-foxxni?

32Ipprova midd idek fuqu; tibqa' tiftakar it-taqtigħa, u darb'oħra ma terġax.

## Ġob 41

1Ara, ġiet fix-xejn it-tama ta' min ipprova, sa l-allat marru għal tulhom għad-
dehra tiegħu.

2Ma jiħraxx jewwilla xħin wieħed iqajmu? Min għandu l-ħila jieqaf quddiemu?

3Min tqabad miegħu u ħareġ bis-sliema? Anqas wieħed mis-sema 'l isfel.

4Għalhekk ma noqgħodx sieket dwar ġismu, irrid nitkellem fuq saħħtu liema
bħalha.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

5Min jista' jċarrat il-libsa ta' fuqu? Min ixoqqha l-kurazza doppja tiegħu?

6Min jista' jiftaħ dawk ix-xatbiet ta' ħalqu, imdawrin bi snien li jwerwru?

7Dahru ringieli ta' tarki, is-sinsla siġill magħluq.

8Marbutin it-tarki waħda mal-oħra u ma tgħaddix arja bejniethom.

9Kull waħda mqabbda ma' seħbitha, marbuta sew u ma tinqalax.

10L-għatis tiegħu jagħti d-dawl, għajnejh bħat-tbexbix tal-għodwa.

11Minn ħalqu joħorġu fjammi, u jittajjar xrar tan-nar.

12Minn imnifsejh joħroġ il-fwar bħal minn borma tagħli kemm tiflaħ.

13In-nifs tiegħu jqabbad il-ġamar u jtajjar minnu x-xrar.

14F'għonqu tbejjet is-saħħa, id-dgħufija taħrab minn quddiemu.

15Il-faldi ta' laħmu magħquda ħaġa waħda, marsusa miegħu bla ma jitħarrku.

16Sħiħa daqs blata qalbu, iebsa daqs mola ta' mitħna.

17Bil-biża' li jnissel jitkexkxu l-qawwijin, jintelqu fl-art imwerwrin.

18Is-sejf li jolqtu xejn ma jagħmillu, lanqas il-lanza, il-vleġġa u l-ġavellott.

19Il-ħadid jistmah tiben, u l-bronż għuda mherrija.

20L-ebda vleġġa ma ġġagħlu jaħrab, il-ħaġar li jwaddbulu jsir fuqu tiben.

21Għalih il-mazza mhix għajr qasba, hu jiddieħak b'min ixejjirlu l-lanza.

22Żaqqu bil-ponot bħal xaqquf jaqta', jifrex it-tajn qisu xatba.

23Iqalla' l-qiegħ bħal borma tagħli, jixkuma l-baħar bħal griġjol.

24Iħalli mnejn jgħaddi tranja bajda, il-qiegħ tistħajlu talla' x-xagħar qotni.

25M'hawnx fid-dinja ieħor bħalu maħluq ma jibża' minn ħadd.

26Iħares f'wiċċ kull min hu kburi; hu sultan fuq il-bhejjem selvaġġi kollha."

## Ġob 42

### Ġob iraġġa' lura kliemu

1Ġob wieġeb lill-Mulej u qallu

2"Jien naf li inti tista' kollox, u ebda ħsieb minn tiegħek ma jfixkluh.

3Int għedt, 'Min hu dan li jrid joskura fehemti bla ma jifhem?' U tassew jien
tkellimt fuq ħwejjeġ ma nifhimhomx, ħwejjeġ kbar wisq għalija, ma nafhomx.

4Int għedt: 'Ismagħni, u jien nitkellem; nistaqsik, u int għallimni.'


© 2020 Malta Bible Society.

5Fuqek jien b'widnejja smajt; imma issa b'għajnejja rajtek.

6Għalhekk inċedi u nindem fit-trab u r-rmied."

### Għeluq
### Alla jiġġustifika lil Ġob

7Wara li l-Mulej temm jgħid dan il-kliem lil Ġob, qal lil Elifaż it-Temani: "Jiena inkurlat għalik u għaż-żewġt iħbieb tiegħek. Għax intom ma għedtux is-sewwa fuqi bħalma għamel il-qaddej tiegħi Ġob.

8Hudu, mela, seba' għoġiela u seba' mtaten u morru għand il-qaddej tiegħi Ġob u offruhom b'sagrifiċċji maħruqa għalikom. Ġob, il-qaddej tiegħi, jitlob għalikom u jiena minħabba fih ma nikkastigakomx għall-bluha li wrejtu meta ma tkellimtux is-sewwa fuqi bħal Ġob il-qaddej tiegħi."

9Elifaż it-Temani, Bildad is-Suħi, u Sofar in-Nagħmi marru u għamlu kif qalilhom il-Mulej. U l-Mulej ta wiċċ lil Ġob.

10Lilu, għax talab għal ħbiebu, reġġgħu għal li kien qabel u kattarlu għal darbtejn il-ġid kollu li kellu.

11Imbagħad ħutu kollha, subien u bniet, u dawk li kienu jafuh qabel, ġew għandu jarawh u kielu miegħu f'daru. Huma wrewh is-sogħba tagħhom u farrġuh għad-diżgrazzji kollha li l-Mulej bagħat fuqu, u tawh kull wieħed minnhom munita u ċurkett tad-deheb.

12U l-Mulej bierek il-ħajja l-ġdida ta' Ġob aktar minn dik ta' qabel, u kellu Ġob erbatax-il elf nagħġa u sitt elef ġemel, elf żewġ barrin u elf ħmara.

13Kellu wkoll seba' subien u tlitt ibniet.

14Bintu l-kbira semmieha Ġemima, lil ta' warajha Kesigħa, u liż-żgħira Kerenħappuk.

15U ma kienx hemm fil-pajjiż kollu nisa li fil-ġmiel iħabbtuha mal-bniet ta' Ġob. Missierhom tahom qasma mill-wirt ma' ħuthom is-subien.

16Wara dan kollu Ġob għex mija u erbgħin sena u ra 'l uliedu u wlied uliedu sar-raba' nisel,

17u miet xiħ u mimli bl-għomor.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

## Salmi 1

### L-EWWEL KTIEB

***Salmi 1—41***
**L-hena veru tal-bniedem**

1Hieni l-bniedem li ma jimxix fuq il-pariri tal-ħżiena, li ma jiqafx fi triq il-ħatjin,
li ma joqgħodx fil-laqgħat taż-żeblieħa;

2imma fil-liġi tal-Mulej hi l-għaxqa tiegħu, lejl u nhar jaħseb fil-liġi tiegħu.

3Hu bħal siġra mħawla ħdejn nixxigħat tal-ilma li tagħmel il-frott fi żmienha, u l-
weraq tagħha ma jidbielx; hu jirnexxi f'kulma jagħmel.

4Mhux hekk il-ħżiena, mhux hekk; iżda huma bħal tibna li jtajjarha r-riħ.

5Għalhekk il-ħżiena ma jifilħux għall-ħaqq, ma joqogħdux il-ħatja fil-ġemgħat
tat-tajbin.

6Għax triq it-tajbin il-Mulej jafha; imma triq il-ħżiena tintemm fix-xejn.

## Salmi 2

### Is-saltna universali tal-Messija

1Għaliex jixxewxu l-ġnus, u l-popli jreddnu għal xejn?

2Is-slaten tal-art iqumu, u l-kbarat jiftiehmu bejniethom kontra l-Mulej u l-
Midluk tiegħu:

3"Ħa nkissru l-ktajjen tagħhom, u ntajru minn fuqna l-irbit tagħhom!"

4Dak li hu fis-smewwiet jidħak bihom, il-Mulej biċ-ċajt jeħodhom.

5Imbagħad ikellimhom bil-herra, bil-qilla tiegħu jkexkixhom:

6"Għax jien għamiltu s-sultan tiegħi, fuq Sijon, l-għolja mqaddsa tiegħi!"

7Irrid inxandar id-digriet tal-Mulej; hu qalli: "Ibni int, jien illum nissiltek.

8Itlobni, u l-ġnus nagħtik b'wirtek, u truf l-art bi priża tiegħek.

9B'virga tal-ħadid int tkissirhom, bħal ġarra tal-fuħħar frak tagħmilhom."

10U issa, slaten, ifhmu sewwa; twiddbu, intom li taħkmu l-art.

11Aqdu lill-Mulej bil-biża', u bir-rogħda riġlejh busu,

12li ma jagħdabx u intom tinqerdu, għax malajr tixgħel il-qilla tiegħu. Hienja
dawk kollha li jistkennu fih!


© 2020 Malta Bible Society.

# Salmi 3

### Tama fit-tiġrib

1Salm ta' David, meta ħarab minn quddiem ibnu Absalom.

2Kemm kotru, Mulej, l-għedewwa tiegħi! Hafna huma dawk li qamu għalija;

3ħafna huma dawk li jgħidu fuqi: "M'hemmx salvazzjoni għalih f'Alla!"

4Imm'int, Mulej, tarka madwari, inti l-ġieħ tiegħi, int terfagħli rasi.

5Jien b'leħen għoli l-Mulej insejjaħ; hu jweġibni mill-għolja mqaddsa tiegħu.

6Immur nimtedd u norqod, u nqum, għax il-Mulej iżommni.

7Ma nibżax minn poplu sħiħ li jinġema' madwari kontrija.

8Qum, Mulej, salvani, Alla tiegħi! Int tajt bil-ħarta lill-għedewwa tiegħi kollha, lill-ħżiena kissirtilhom snienhom.

9Tiegħek, Mulej, ir-rebħa; il-barka tiegħek fuq il-poplu tiegħek.

# Salmi 4

### L-hena tat-tama f'Alla

1Għall-mexxej tal-kor. Fuq l-istrumenti tal-korda. Salm ta' David.

2Weġibni, meta nsejjaħlek, Alla tal-ġustizzja tiegħi; oħroġni fil-wisa' meta nkun imdejjaq, ħenn għalija u isma' talbi.

3Intom, bnedmin, kemm se ddumu twebbsu qalbkom? Għax tħobbu l-frugħa u tfittxu l-gideb?

4Kunu afu li l-Mulej wera tjieba kbira miegħi; jismagħni l-Mulej meta nsejjaħlu.

5Triegħdu bil-biża', u la tidinbux; aħsbu f'qalbkom billejl, u isktu!

6Offru s-sagrifiċċji li għandkom tagħmlu, u ittamaw fil-Mulej.

7Hafna jgħidu: "Min jurina r-riżq?" Ixħet fuqna, Mulej, id-dawl ta' wiċċek.

8Int nissilt l-hena f'qalbi, aktar mill-kotra tal-qamħ u l-inbid tagħhom.

9Nimtedd u norqod minnufih fis-sliem, għax int waħdek, Mulej, fis-sod tqegħedni.

# Salmi 5

### Talba għall-għajnuna kontra l-ħażen

1Għall-mexxej tal-kor. Fuq il-flawti. Salm ta' David.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

2Mulej, agħti widen għal kliemi; agħti kas tat-tnehid tiegħi.

3Isma' l-għajjat tat-talb tiegħi, Sultan tiegħi u Alla tiegħi, għax lilek jiena nitlob.

4Mulej, filgħodu int tisma' leħni, filgħodu rressaqlek talbi, u nistenna.

5Għax int m'intix Alla li tħobb il-ħażen; il-ħażin ma jsibx postu għandek.

6Ma jiqfux il-kburin quddiem għajnejk; int tobgħod kull min jagħmel id-deni.

7Int teqred min jitkellem bil-gideb. Nies qattiela u qarrieqa jistmellhom il-Mulej.

8Imma jien għat-tjieba kbira tiegħek nista' nidħol ġewwa darek; ninxteħet
quddiem is-santwarju mqaddes tiegħek, mimli bil-biża' tiegħek.

9Mexxini, Mulej, fis-sewwa tiegħek minħabba l-għedewwa tiegħi; wittili t-triq
tiegħek quddiemi.

10Is-sewwa mhuwiex fuq fommhom, qalbhom bil-ħażen mimlija; ħalqhom bħal
qabar miftuħ, imellsu biss bi lsienhom.

11Ħa jieħdu, o Alla, il-ħlas li ħaqqhom; ħa jaqgħu bit-tnassis tagħhom.
Warrabhom għall-ħafna ħtijiet tagħhom, għax kontrik ħaduha.

12Ħa jifirħu dawk li jafdaw fik, u jithennew għal dejjem; ħarishom, u bik
jithennew dawk li jħobbu 'l ismek.

13Għax int tbierek il-ġust, Mulej; int tħaddnu bħal tarka bi tjubitek.

## Salmi 6

### Talba fil-periklu tal-mewt

*1*Għall-mexxej tal-kor. Fuq l-istrumenti tal-korda. Fuq "Is-Seminit". Salm ta' David.

2Mulej, la ċċanfarnix fil-korla tiegħek; la twiddibnix fis-saħna tiegħek.

3Henn għalija, Mulej, għaliex inħossni mifni; fejjaqni, Mulej, għaliex għadmi
mfarrak;

4ruħi mħawda għall-aħħar. Mulej, int kemm se ddum ma tismagħni?

5Dur lejja, Mulej, u eħlisni; salvani f'ġieħ it-tjieba tiegħek.

6Għax ħadd mill-mejtin ma jiftakar fik; min ifaħħrek f'art l-imwiet?

7Infnejt bit-tnehid tiegħi, kull lejl nibki fuq friexi, bid-dmugħ inxarrab soddti.

8Għajnejja bil-biki tgħarrqu, u nfnew minħabba l-għedewwa tiegħi.

9Tbiegħdu minni, intom li tagħmlu l-ħażen, għax sama' l-Mulej il-biki tiegħi.


© 2020 Malta Bible Society.

10Sama' l-Mulej it-tħannin tiegħi; jilqa' l-Mulej it-talba tiegħi.

11Jistħu u jinfixlu għall-aħħar l-għedewwa tiegħi kollha, u minnufih jerġgħu lura mħawda.

## Salmi 7

### Sejħa tal-ġusti lill-Imħallef Divin

1Għanja ta' David, li għanna lill-Mulej minħabba f'Kus ta' Benjamin.

2Mulej, Alla tiegħi, fik il-kenn tiegħi; salvani minn kull min iħabbatni, u eħlisni,

3li ma jaħtfunix bħal iljun u jqattgħuni, u ma jkunx hemm min jeħlisni.

4Mulej, Alla tiegħi, jekk dan jien għamilt, jekk ħatja ta' xi ħażen huma idejja,

5jekk b'deni għall-ġid ħallast lil ħabibi, jew għal xejn b'xejn ħarbatt l-għadu tiegħi,

6ħa jqum l-għadu kontrija u jirbaħni, mal-art taħt riġlejh jitfagħni, u ġieħi fit-trab ikasbarli.

7Qum, Mulej, bil-qilla tiegħek, ieqaf kontra s-saħna tal-għedewwa tiegħi; stenbaħ, u agħmilli l-ħaqq li int ordnajt.

8Ħa jinġemgħu l-ġnus madwarek; fuqhom int toqgħod fil-għoli.

9Mulej, int li tagħmel ħaqq mill-popli, agħmel ħaqq minni, Mulej, skont is-sewwa tiegħi u skont it-tjubija li hemm fija.

10Ħa jintemm il-ħażen tal-ħżiena, u jitwettaq il-bniedem sewwa. Int li tgħarbel il-moħħ u l-qalb, int Alla ġust.

11It-tarka tiegħi hu Alla, li jsalva 'l min hu qalbu safja.

12Alla hu mħallef ġust, Alla li dejjem jitħallas mill-ħażen.

13Tassew li l-għadu jiġi u jsinn is-sejf, l-ark jissikka u jimmirah.

14Diġà ħejja l-armi tal-mewt, il-vleġeġ għamilhom għodda mikwija.

15Arah, l-għadu jnissel il-ħażen, jitqal bil-qerq u jiled il-gideb.

16Fetaħ bir u ħaffru sewwa; iżda jaqa' fil-ħofra li għamel hu.

17Fuq rasu taqa' l-ħsara li għamel; fuqu tinżel id-dnewwa tiegħu.

18Inrodd ħajr lill-Mulej għall-ġustizzja tiegħu; ngħanni isem il-Mulej, isem l-Għoli.

## Salmi 8


© 2020 Malta Bible Society.

### Il-kobor ta’ Alla u d-dinjità tal-bniedem

1Għall-mexxej tal-kor. Fuq “Il-Gittit”. Salm ta’ David.

2Mulej, Sid tagħna, kemm hu kbir ismek fl-art kollha! Int qegħedt is-sebħ tiegħek
’il fuq mis-smewwiet.

3Int, li s-sebħ tiegħek jgħannih fomm it-tfal u t-trabi tal-ħalib; int, li bnejt sur
kontra l-għedewwa, biex iġġib fix-xejn l-għadu u ’l min iqum kontrik.

4Inħares lejn is-smewwiet, għemil subgħajk, il-qamar u l-kwiekeb li int qegħedt
fihom!

5X’inhu l-bniedem biex tiftakar fih, bin il-bniedem, biex taħseb fih?

6Ftit inqas mill-allat għamiltu, bis-sebħ u l-ġmiel żejjintu,

7qegħedtu fuq l-għemejjel kollha ta’ idejk! Kollox taħt riġlejh qegħedtlu:

8in-nagħaġ u l-baqar kollha, sal-bhejjem tax-xagħri;

9l-għasafar tal-ajru u l-ħut tal-baħar, dak kollu li jterraq fil-baħar.

10Mulej, Sid tagħna, kemm hu kbir ismek fl-art kollha!

## Salmi 9

### Radd il-ħajr għar-rebħa fuq l-għedewwa

1Għall-mexxej tal-kor.
Fuq l-għanja “Mut-labben”. Salm ta’ David.

2Infaħħrek, Mulej, b’qalbi kollha; inxandar għeġubijietek kollha!

3Nifraħ u nithenna bik; ngħanni lil ismek, int Alla l-għoli.

4Xħin jiġu lura l-għedewwa tiegħi, jitfixklu u jgħibu quddiemek.

5Għax int ħadt f’idejk id-dritt u l-kawża tiegħi, ta’ mħallef ġust qgħadt fuq it-tron
tiegħek.

6Ċanfart il-ġnus u qridt il-ħżiena; ħassart isimhom għal dejjem ta’ dejjem.

7Intemmu l-għedewwa mħarbtin għal dejjem; bliethom qridtilhom, u tifkirithom
intilfet magħhom.

8Imma l-Mulej isaltan għal dejjem, iwaqqaf għall-ħaqq it-tron tiegħu.

9Hu jagħmel ħaqq mid-dinja bil-ġustizzja, jiġġudika l-popli bis-sewwa.

10Ikun il-Mulej kenn għal min hu mgħakkes, kenn għalih fi żmien id-dwejjaq.

11Fik jittama min jagħraf lil ismek, għax int, Mulej, ma titlaqx ’il min ifittxek.


© 2020 Malta Bible Society.

12Għannu lill-Mulej li joqgħod f'Sijon, xandru fost il-popli l-għemejjel tiegħu.

13Hu, li jitħallas mid-demm, jiftakar fihom, ma jinsiex għajjat l-imsejknin.

14Henn għalija, Mulej; ara n-niket tiegħi; inti rfajtni u ħriġtni minn bibien il-
mewt;

15biex inxandar tifħirek kollu f'bibien il-belt ta' Sijon; biex nifraħ minħabba l-
ħelsien tiegħek.

16Waqgħu l-ġnus fil-ħofra li ħaffru; fix-xibka li ħbew inqabad riġilhom.

17Għarraf il-Mulej lilu nnifsu u għamel il-ħaqq, b'għemil idejh inqabad il-ħażin.

18Jinżlu l-ħżiena f'qiegħ l-art, il-ġnus kollha li jinsew 'l Alla.

19Għax l-imsejken ma jintesiex għal dejjem, it-tama tal-fqajrin ma tkunx għal
dejjem fiergħa.

20Qum, Mulej! Ma jirbaħx il-bniedem! Ħa jidhru l-ġnus għall-ħaqq quddiemek.

21Itfa', Mulej, it-twerwir fuqhom, ħa jagħrfu l-ġnus li bnedmin huma.

## Salmi 10

### Talba għall-għajnuna kontra l-għadu

1Għaliex, Mulej, int hekk imbiegħed? Għaliex tinħeba waqt il-bżonn?

2Fi kburitu l-ħażin lill-fqir jaħqar, jaqbdu fin-nases li nasablu.

3Il-ħażin jiftaħar bix-xewqat ta' qalbu, fir-regħba tiegħu jisħet u jżeblaħ lill-
Mulej.

4Fi kburitu jkasbar lill-Mulej, u f'xejn ma jfittxu; u Alla ma jidħolx fi ħsibijietu.

5Jirnexxi dejjem fi triqtu, xejn ma jilħquh il-ġudizzji tiegħek, bl-għedewwa tiegħu
jiddieħak.

6Jgħid f'qalbu: "Ma niċċaqlaqx! Minn nisel għal nisel ebda ħsara ma tilħaqni!"

7Saħta, qerq u dnewwa fuq fommu; għawġ u ħsara fuq ilsienu.

8Wara l-ħitan tas-sejjieħ jissajja, fil-moħbi joqtol nies bla ħtija; għajnejh ifittxu
lill-imsejken.

9Jgħasses fil-moħbi bħal iljun fil-bejta; jgħasses biex lill-fqajjar jaħtaf, jaqbdu u
jkaxkru fix-xibka.

10Jitbaxxa, mal-art jinxteħet; l-imsejkna jaqgħu taħt il-qilla tiegħu.

11Jgħid bejnu u bejn ruħu: "Alla nesa; ħeba wiċċu, ma jħarisx iżjed."

12Qum, Mulej! Erfa' idek, o Alla! La tinsihomx lill-imsejknin.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

13Għax għandu l-ħażin ikasbrek, o Alla, u jaħseb li int ma tfittxux?

14Int tara, tabilħaqq, l-għawġ u l-ħsara, u taħseb biex f'idejk teħodhom. F'idejk
jintelaq l-imsejken; tal-iltim int sirt l-għajnuna.

15Kisser int driegħ il-ħażin u l-midneb, ilħaqlu ħżunitu sakemm ma ssiblux iżjed.

16Sultan hu l-Mulej għal dejjem ta' dejjem; inqerdu l-ġnus minn artu.

17It-talba tal-imsejknin smajtha, Mulej; int taqtgħalhom ix-xewqa ta' qalbhom,

18biex tagħti raġun lill-iltim u l-maħqur; u bniedem tal-art ma jbeżżax aktar.

## Salmi 11

### Tama sħiħa f'Alla

1Għall-mexxej tal-kor. Ta' David.

Fil-Mulej hu l-kenn tiegħi; mela kif tgħiduli: "Aħrab bħal għasfur lejn l-għolja;

2għax, ara, il-midinbin qed jiġbdu l-qaws, u jqabbdu mal-watar il-vleġġa, biex
jolqtu fid-dlam lin-nies ta' qalb safja.

3Jekk is-sisien jinqalbu, il-bniedem ġust x'jista' jagħmel?"

4Il-Mulej hu fit-tempju mqaddes tiegħu, il-Mulej fis-sema għandu t-tron tiegħu;
għajnejh fuq il-bnedmin jitfa', bi xfar għajnejh jiflihom.

5Jgħarbel il-Mulej il-ġust u l-ħażin; hu jobgħod 'il min iħobb id-dnewwa.

6Xita ta' ġamar u kubrit jitfa' fuq il-ħżiena; riħ jikwi jkun is-sehem li ħaqqhom.

7Għax ġust hu l-Mulej, u jħobb il-ġustizzja; wiċċu jdawwar lejn min hu sewwa.

## Salmi 12

### Kontra l-ilsna ħżiena

1Għall-mexxej tal-kor. Fuq "Is-Seminit". Salm ta' David.

2Għajnuna, Mulej, għax m'hawnx aktar twajbin; għabu s-sinċiera minn fost il-
bnedmin.

3Wieħed lil ieħor bil-gideb ikellem; b'xufftejn qarrieqa, b'żewġt iqlub jitkellmu.

4Jaqta' l-Mulej ix-xufftejn qarrieqa, kull ilsien li jitkellem bil-kburija,

5dawk li jgħidu: "Saħħitna fi lsienna, kliem xufftejna magħna; min hu sidna?"

6"Minħabba t-tgħakkis tal-fqajrin u l-krib tal-imsejknin, jien issa se nqum," jgħid
il-Mulej, "inqum biex neħilsu, kif hu jixtieq."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

7Kliem il-Mulej kliem safi, fidda mgħoddija min-nar, seba' darbiet imsoffija mit-
trab.

8Int, Mulej, tieħu ħsiebna tħarisna minn dan in-nisel għal dejjem.

9Għax il-ħżiena ma' kullimkien juru ruħhom, aktar ma titgħolla d-dnewwa fost
il-bnedmin.

## Salmi 13

### Talba fin-niket minħabba l-għadu

*1*Għall-mexxej tal-kor. Salm ta' David.

2Mulej, għal dejjem se tinsieni? Kemm se ddum taħbi wiċċek minni?

3Kemm se ndum b'qalbi ttaqtaq, bl-imrar kuljum f'qalbi? Kemm se jdum jintrefa'
l-għadu fuqi?

4Hares u weġibni, Mulej, Alla tiegħi, agħti d-dawl lil għajnejja, li ma naqax fir-
raqda tal-mewt;

5li ma jgħidx l-għadu tiegħi: "Għelibtu!", li ma jifirħux l-għedewwa għax jarawni
nogħtor.

6Imma jien fit-tjieba tiegħek nitma, tifraħ qalbi għall-għajnuna tiegħek. Ngħanni
lill-Mulej għall-ġid li għamilli.

## Salmi 14

### Ilment minħabba l-ħażen

*1*Għall-mexxej tal-kor. Ta' David.

Jgħid l-iblah f'qalbu: "M'hemmx Alla!" Tħassru l-bnedmin, għamlu ħwejjeġ ta'
min jistmellhom, m'hemm ħadd li jagħmel is-sewwa.

2Il-Mulej mis-sema jittawwal fuq il-bnedmin, biex jara jekk hemmx min hu
għaqli, min ifittex lil Alla.

3Ilkoll intilfu, ilkoll flimkien tħażżnu; ħadd ma jagħmel is-sewwa, anqas biss
wieħed.

4Ma jintebħux dawk kollha li jagħmlu l-ħażen, dawk li qatt ma jsejħu l-Mulej, li
jaħtfu l-poplu tiegħi, kif wieħed jaħtaf il-ħobż?

5Biża' kbir waqa' fuqhom, għax Alla hu ma' nisel il-ġust.

6Intom tidħku bil-ħsieb tal-imsejken; imma l-Mulej hu l-kenn tiegħu.

7Min iġib minn Sijon il-ħelsien ta' Iżrael? Meta jerġa' jqajjem il-Mulej il-poplu
tiegħu, jifraħ Ġakobb, jithenna Iżrael.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

## Salmi 15

### Min jista' jgħix ma' Alla

1Salm ta' David.

Mulej, min jgħammar fid-dar tiegħek? Min joqgħod fuq l-għolja mqaddsa tiegħek?

2Min jgħix bla ħtija u jagħmel it-tajjeb, min jgħid is-sewwa f'qalbu;

3min ma jqassasx bi lsienu, ma jagħmilx deni lil ġaru, u ma jgħajjarx lil għajru;

4min ma jistmax lill-bniedem ħażin, imma jweġġaħ lil dawk li jibżgħu mill-Mulej;
min iwiegħed u jżomm kelmtu;

5min jislef u ma jitlobx imgħax, u ma jixxaħħamx kontra min hu bla ħtija. Min
jagħmel dan qatt ma jitħarrek.

## Salmi 16

### Alla l-aqwa ġid u hena

1Miktam. Ta' David.

Ħarisni, o Alla, għax fik jien nistkenn.

2Jien għedt lill-Mulej: "Int Sidi, m'għandix ġid ieħor ħliefek."

3It-twajbin huma l-kbar f'din l-art; fihom hi l-għaxqa kollha tiegħi.

4L-hemm tagħhom ikattru dawk li jaħtru allat oħra. Lil dawn ma nsawwabx id-
demm b'sagrifiċċju, anqas isimhom ma nsemmi b'xufftejja.

5Mulej, inti s-sehem tal-wirt u r-riżq tiegħi, inti żżomm f'idejk xortija.

6Il-kejl tani art li tgħaxxaq: messni sehem tassew għal qalbi.

7Imbierek lill-Mulej li tani l-fehma; imqar billejl qalbi tgħallimni.

8Inżomm il-Mulej dejjem quddiemi, għax bih f'leminti qatt ma nitħarrek.

9Hekk tifraħ qalbi u tithenna ruħi, u ġismi wkoll jistrieħ fil-kwiet.

10Għax int ma titlaqnix fl-imwiet, ma tħallix il-maħbub tiegħek jara l-qabar.

11Int tgħallimni t-triq tal-ħajja; hemm il-milja tal-ferħ quddiemek, hemm l-
għaxqa għal dejjem f'lemintek.

## Salmi 17

### Sejħa lil Alla kontra l-persekuturi

1Talba. Ta' David.


© 2020 Malta Bible Society.

Isma', Mulej, il-kawża ġusta tiegħi, ilqa' l-għajta tiegħi, agħti widen għat-talb tiegħi; bla qerq huma xufftejja.

2Mingħandek toħroġ il-ġustizzja għalija, għajnejk jaraw is-sewwa.

3Jekk qalbi tiflili, jekk billejl iżżurni, jekk inti ġġarrabni, ma ssib ebda qerq fija.

4Ma żbaljajtx bi kliemi, kif jagħmlu n-nies; ħarist ruħi bi kliemek minn triqat il-ħżiena.

5Il-mixi tiegħi żammejt fi triqatek, qatt ma għotru riġlejja.

6Insejjaħlek, għax int tweġibni, o Alla; ressaq widintek lejja, isma' kliemi.

7Uri t-tjieba tiegħek tal-għaġeb; int li teħles mill-għedewwa lil min jittama fil-leminija tiegħek.

8Bħal ħabba tal-għajn ħarisni, għad-dell ta' ġwenħajk kenninni

9mill-ħżiena li jagħfsu fuqi, mill-għedewwa qattiela li jdawruni.

10Għalqu qalbhom għall-ħniena, minn fommhom joħroġ kliem kburi.

11Jiġu għal fuqi, minn kull naħa għalquni, ħarsithom fuqi, biex mal-art jitfgħuni.

12Huma bħal iljun imxennaq għall-priża, bħal ferħ ta' ljun moħbi wara l-mansab.

13Qum, Mulej, oħroġ għall-għadu u ġarrfu; eħlisli ħajti minn id il-ħażin.

14B'sejfek, Mulej, b'idek mill-bnedmin eħlisni, mill-bnedmin li ħajjet din l-art sehemhom. Ha jimtlew bil-ġid tiegħek, ħa jieklu sax-xaba' wliedhom, u jibqgħalhom xi jħallu liż-żgħar tagħhom!

15Imma jien, fil-ħaqq, għad nara 'l wiċċek; meta nqum, nithenna bid-dehra tiegħek.

## Salmi 18

### Tifħir u ħajr wara r-rebħa

*1*Għall-mexxej tal-kor. Ta' David, il-qaddej tal-Mulej, li qal il-kliem ta' din l-għanja lill-Mulej dakinhar li hu ħelsu minn id l-għedewwa kollha tiegħu u minn Sawl. *2*Hu qal:

Inħobbok, Mulej, qawwa tiegħi!

3Il-Mulej blata tiegħi, fortizza u ħellies tiegħi, Alla tiegħi, sur tal-kenn tiegħi u tarka tiegħi, qawwa tas-salvazzjoni tiegħi u kenn tiegħi!

4Insejjaħ il-Mulej, li hu ta' min ifaħħru, u nkun meħlus mill-għedewwa tiegħi.

5Imwieġ tal-mewt ħakmuni, widien tal-biża' werwruni,


© 2020 Malta Bible Society.

[6]ħbula tal-imwiet dawruni, xbiek tal-mewt inqaleb fuqi.

[7]Fl-hemm tiegħi lill-Mulej sejjaħt, tlabt l-għajnuna 'l Alla tiegħi; hu sama' leħni
mit-tempju tiegħu, f'widnejh waslet l-għajta tiegħi.

[8]Tqanqlet u theżżet l-art, triegħdu s-sisien tal-muntanji, u tqanqlu bis-saħna tal-
korla tiegħu.

[9]Duħħan ħareġ minn imnifsejh, u nar li jħarbat minn fommu, minnu jarmi ilsna
tan-nar.

[10]Feraq is-smewwiet u niżel, bi ċpar iswed taħt riġlejh.

[11]Fuq kerubin rikeb u tar, niżel b'ħeffa fuq ġwienaħ ir-riħ.

[12]Bid-dlam insatar bħal b'libsa, sħab iswed u magħqud l-għarix tiegħu.

[13]Mid-dija ta' quddiemu sħab joħroġ, silġ u ilsna tan-nar.

[14]Riegħed il-Mulej mis-smewwiet, l-Għoli semma' leħnu.

[15]Telaq il-vleġeġ tiegħu u xerridhom, għamel il-beraq u ħarrabhom.

[16]U dehru qigħan il-baħar, inkixfu s-sisien tal-art, mat-theddida tiegħek, Mulej,
man-nefħa ta' mnifsejk.

[17]Mill-għoli medd idu u ħatafni, ħariġni minn baħar ta' ilma.

[18]Mill-għedewwa b'saħħithom ħelisni, mill-għedewwa li jifilħu aktar minni.

[19]Ġew fuqi f'siegħa ħażina, iżda l-Mulej waqaf miegħi.

[20]Ħariġni 'l barra fil-wisa'; ħelisni, għax lili jħobbni.

[21]Ħallasni l-Mulej skont il-ġustizzja tiegħi, raddli skont is-safa ta' idejja.

[22]Għax jien żammejt triqat il-Mulej, ma tbegħidtx bid-dnub minn Alla tiegħi.

[23]Quddiemi huma d-digrieti kollha tiegħu; ma warrabtx minni l-preċetti tiegħu.

[24]Bla tebgħa kont quddiemu, mill-ħtija ħarist lili nnifsi.

[25]Raddli l-Mulej skont il-ġustizzja tiegħi, skont is-safa ta' idejja li ra b'għajnejh.

[26]Ma' min hu tajjeb inti timxi bit-tajjeb, ma' min hu bla ħtija inti timxi bla ħtija;

[27]ma' min hu safi inti timxi bis-safa, ma' min jgħawweġ timxi bil-għaqal.

[28]Għax inti ssalva l-poplu fqajjar, u l-għajnejn kburin tbaxxihom.

[29]Inti tixgħel, Mulej, il-musbieħ tiegħi; Alla tiegħi jdawwal id-dlam tiegħi.

[30]Bik jien negħleb il-qtajja' tal-għedewwa; bl-għajnuna ta' Alla tiegħi nirbaħ is-
swar!

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

31Dritta hi t-triq ta' Alla; safja hi l-kelma tal-Mulej. Tarka huwa Alla għal kull min jistkenn fih.

32Għax min hu Alla ħlief Jaħweh? Min hu blata ħlief Alla tagħna?

33Hu Alla, li ħażżimni bil-qawwa; fetaħli triq dritta quddiemi.

34Bħal taċ-ċriev jagħmilli riġlejja, fuq l-għoljiet fis-sod iqegħedni.

35Idejja jħarriġli għat-taqbida; ark tal-bronż jiġbdu dirgħajja.

36Int tajtni t-tarka tas-salvazzjoni tiegħek, lemintek għenitni, l-għajnuna tiegħek kabbritni.

37Int wessajtli t-triq quddiemi, u ma tfixklux riġlejja.

38Neħodha għal wara l-għedewwa u nilħaqhom, ma nerġax lura qabel neqridhom.

39Nagħtihom daqqa, ma jqumux iżjed minnha; jaqgħu mirbuħa taħt riġlejja.

40Int tħażżimni bil-qawwa għat-taqbida, taħti titfa' 'l dawk li jqumu għalija.

41Iġġiegħel l-għedewwa jaħarbu quddiemi; jien neqred 'il dawk li jobogħduni.

42Jgħajtu għall-għajnuna, u ħadd ma jgħinhom; lill-Mulej isejħu, u ma jweġibhomx.

43Bħat-trab itir mar-riħ nagħmilhom, bħat-tajn tat-triqat ngħaffeġ fuqhom.

44Int teħlisni minn poplu ġellied, fuq il-ġnus inti tqegħedni; u poplu, li ma nafux, jaqdini.

45Malli jisimgħu bija, joqogħdu għalija; il-barranin jinxteħtu sal-art quddiemi.

46Il-barranin jaqgħu mifnija, joħorġu mwerwra mill-fortizza tagħhom.

47Ħaj il-Mulej! Imbierek hu, il-blata tiegħi! Ikun imfaħħar Alla tas-salvazzjoni tiegħi!

48Alla, li għenni biex tħallast mill-għedewwa, li qegħedli l-ġnus taħt riġlejja!

49Int teħlisni mill-għedewwa tiegħi, tqegħedni fuq min jaħbat għalija, teħlisni min-nies vjolenti.

50Għalhekk infaħħrek fost il-ġnus, Mulej, u ngħanni t-tifħir ta' ismek.

51Hu jkabbar ir-rebħ lis-sultan tiegħu, juri mħabbtu mal-midluk tiegħu; ma' David u nislu għal dejjem.

## Salmi 19

### Alla awtur tal-ħolqien u l-liġi


© 2020 Malta Bible Society.

1Għall-mexxej tal-kor. Salm ta' David.

2Is-smewwiet ixandru l-glorja ta' Alla, għemil idejh tħabbar il-firxa tas-sema.

3Jum lil ieħor jagħti l-aħbar, lejl lil ieħor iwassal it-tagħrif.

4Ma hemmx aħbar u anqas kliem, ma hemmx leħen li ma jinstemax.

5Mal-art kollha jasal leħenhom, mad-dinja kollha jixtered kliemhom. Lix-xemx għamlilha għarix fihom;

6u hi, bħal għarus ħiereġ minn kamartu, ferħana bħal ġgant għall-ġirja tagħha,

7minn truf is-smewwiet hi toħroġ, sat-truf l-oħra d-dawran tagħha; xejn ma jinħeba mis-sħana tagħha.

8Il-liġi tal-Mulej perfetta, u tagħti l-ħajja; ix-xhieda tal-Mulej hi sewwa, u tgħallem lil min ma jafx.

9Il-preċetti tal-Mulej dritti, u jferrħu l-qalb; il-kmandament tal-Mulej safi, u jdawwal l-għajnejn.

10Il-biża' tal-Mulej sinċier, u jibqa' għal dejjem; il-ġudizzji tal-Mulej sewwa, u mseddqa għalkollox;

11egħżeż mid-deheb, mid-deheb l-aktar fin, oħla mill-għasel u mill-qtar tax-xehda.

12Fehemhom sewwa l-qaddej tiegħek; ħlas tajjeb għandu min iħarishom.

13In-nuqqas min jista' jagħrfu? Minn dak li ma nafx bih saffini.

14U mill-kburija wkoll ħares il-qaddej tiegħek, tħalliha qatt taħkimni. Imbagħad inkun bla ħtija u ħieles minn dnub kbir.

15Ħa jkunu milqugħa quddiemek kliem fommi u ħsieb qalbi, Mulej, blata tiegħi u feddej tiegħi.

## Salmi 20

### Talba għas-sultan fi żmien il-gwerra

1Għall-mexxej tal-kor. Salm ta' David.

2Jisimgħek il-Mulej fi żmien in-niket; iħarsek l-isem ta' Alla ta' Ġakobb!

3Mit-tempju mqaddes tiegħu jibgħatlek l-għajnuna, u minn Sijon jagħtik is-saħħa.

4Jiftakar fl-offerti tiegħek kollha, u jilqa' bil-qalb is-sagrifiċċju tiegħek.

5Jagħtik dak li tixtieq qalbek, u jtemm ħsibijietek kollha.


© 2020 Malta Bible Society.

6Naqbżu bil-ferħ għar-rebħa tiegħek, ngħollu l-bnadar f'isem Alla tagħna. Jagħtik il-Mulej kulma titolbu!

7Jien issa naf li l-Mulej irebbaħ lis-sultan, il-midluk tiegħu, u jwieġbu mis-sema mqaddes tiegħu bir-rebħa qawwija tal-leminija tiegħu.

8Xi wħud fil-karrijiet, oħrajn fiż-żwiemel, imma aħna f'isem il-Mulej Alla l-qawwa tagħna.

9Huma jixxenglu u jaqgħu; imma aħna b'saħħitna, weqfin fuq riġlejna.

10Mulej, salva s-sultan; weġibna meta nsejħulek.

## Salmi 21

### Radd il-ħajr u talb għas-sultan

1Għall-mexxej tal-kor. Salm ta' David.

2Mulej, bil-qawwa tiegħek jifraħ is-sultan; kemm jithenna bir-rebħa tiegħek!

3Ix-xewqa ta' qalbu int qtajthielu, ma ċħadtlux it-talba ta' fommu.

4Għax inti lqajtu bil-barka u r-riżq, kuruna ta' deheb fin qegħedtlu fuq rasu.

5Il-ħajja talbek, u int tajthielu, għomor twil minn żmien għal żmien.

6Kbir hu sebħu bir-rebħa li tajtu; ġieħ u ġmiel int tqiegħed fuqu.

7Lilu tagħti barkiet għal dejjem, tferrħu u thennih bis-sebħ ta' wiċċek.

8Għalhekk is-sultan fil-Mulej jittama, għall-ħniena tal-Għoli qatt ma jitħarrek.

9Tilħaq idek l-għedewwa kollha tiegħek, tilħaq lemintek 'il min jobogħdok.

10Malli int tidher, forn tan-nar tagħmilhom. Fil-qilla tiegħu jiblagħhom il-Mulej, u n-nar jeqridhom.

11Nisilhom mill-art int teqred, 'l uliedhom minn fost il-bnedmin.

12Għax riedu jagħmlu l-ħsara lilek; nasbu d-deni, iżda ma rnexxilhomx.

13Għax inti ġġegħelhom jaħarbu, xħin timmira l-qaws kontrihom.

14Tkabbar, Mulej, bil-qawwa tiegħek! Ħa ngħannu u nfaħħru s-saħħa tiegħek.

## Salmi 22

### Tbatijiet u rebħ tal-Messija

1Għall-mexxej tal-kor. Fuq l-għanja "Iċ-ċerva tas-sebħ". Salm ta' David.

2Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni? Bqajt 'il bogħod u ma salvajtnix, ma tajtx widen għall-għajjat tiegħi!

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

3Alla tiegħi, ngħajjat binhar u ma tweġibx, ngħajjat billejl u ma nsibx mistrieħ.

4Imma int tgħammar fis-santwarju, u lilek ifaħħar Iżrael!

5Fik ittamaw missirijietna, fik ittamaw, u inti ħlisthom.

6Lejk għajtu, u inti ħlisthom; fik ittamaw u ma tfixklux.

7Jien dudu tal-art, u mhux bniedem, żebliħ tan-nies, tkasbir tal-poplu.

8Dawk kollha li jarawni jidħku bija, jgħajbuni, iħarrku rashom u jgħidu:

9"F'idejn il-Mulej intelaq; ħa jeħilsu hu! Ħa jsalvah hu, la bih jitgħaxxaq!"

10Imma int minn ġuf ommi lqajtni; fi ħdan ommi fis-sod qegħedtni.

11Fuqek qegħduni sa minn twelidi; int Alla tiegħi sa minn ġuf ommi.

12La titbegħidx minni, għax qrib hu t-taħbit, u m'hawn ħadd biex jgħinni.

13Qatgħa gniedes daru miegħi; barrin qawwija ta' Basan għalquni,

14b'ħalqhom miftuħ għal fuqi, bħal iljun li jaħtaf u jgħajjat.

15Ninsab bħall-ilma msawwab, għandi għadmi maqlugħ kollu; qalbi hi bħal xemgħa, iddub ġewwa fija.

16Ħalqi niexef bħal xaqqufa, ilsieni mwaħħal ma' ħnieki; ninsab mitfugħ fuq trab il-mewt.

17Qabda klieb daru għalija; ġemgħa nies ħżiena rassewni. Taqqbuli idejja u riġlejja;

18nista' ngħodd għadmi kollu. B'għajnejhom fuqi jħarsu lejja.

19Ħwejġi jaqsmu bejniethom; jaqtgħu x-xorti għal-libsa tiegħi.

20Mulej, la titbegħidx minni; qawwa tiegħi, fittex għinni!

21Eħlisli mis-sejf lil ħajti, u mill-klieb lil ħajti l-għażiża.

22Minn ħalq l-iljun salvani, minn qarn il-gniedes lili msejken.

23Inxandar ismek lil ħuti; infaħħrek f'nofs il-ġemgħa.

24Faħħru l-Mulej, intom li tibżgħu minnu; sebbħuh ilkoll, nisel Ġakobb; ibżgħu minnu lkoll, ulied Iżrael.

25Għax ma warrabx minnu l-imsejken, ma stmellx in-niket tiegħu; anqas wiċċu ma ħeba minnu, imma semgħu meta sejjaħlu.

26Għalhekk nagħtik it-tifħir tiegħi f'ġemgħa kbira; inrodd il-wegħdiet tiegħi quddiem dawk li jibżgħu minnu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

27Jieklu l-fqajrin u jixbgħu; ifaħħru l-Mulej dawk li jfittxuh. Ħa tgħix qalbhom għal dejjem!

28Jiftakru t-truf kollha tal-art, u jerġgħu lura lejn il-Mulej; u quddiemu jinxteħtu r-razez kollha tal-ġnus.

29Għax tal-Mulej hi s-saltna; hu fuq il-ġnus isaltan.

30Lilu jqimu l-bnedmin, li jmutu; quddiemu jmil kull min nieżel ġot-trab. U għalih tgħix ruħi,

31lilu jaqdi n-nisel tiegħi.

32Ixandru 'l Sidi lin-nisel li għad jiġi, ixandru l-ġustizzja tiegħu lill-poplu li għad jitwieled: "Dan għamlu l-Mulej!"

## Salmi 23

### Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi

1Salm ta' David.

Il-Mulej hu r-ragħaj tiegħi, xejn ma jonqosni;

2f'mergħat kollha ħdura jqegħedni. Hdejn l-ilma, fejn nistrieħ, jeħodni;

3hemm hu jrejjaqni. Imexxini fit-triq tas-sewwa minħabba l-isem tiegħu.

4Imqar jekk nimxi f'wied mudlam, ma nibżax mill-ħsara, għax inti miegħi. Il-ħatar tiegħek u l-għasluġ tiegħek, huma jwennsuni.

5Int tħejji mejda għalija quddiem l-għedewwa tiegħi. Biż-żejt tidlikli rasi, u l-kalċi tiegħi tfawwarli.

6Miegħi, iva, jimxu t-tjieba u l-ħniena il-jiem kollha ta' ħajti. U ngħammar f'dar il-Mulej sakemm indum ħaj!

## Salmi 24

### Id-daħla trijonfali tal-arka fit-tempju

1Salm ta' David.

Tal-Mulej hi l-art u kulma fiha, id-dinja u kulma jgħix fiha.

2Għax hu fuq l-ibħra waqqafha, u fuq ix-xmajjar fis-sod qegħedha.

3Min jista' jitla' fuq l-għolja tal-Mulej, min joqgħod fil-post imqaddes tiegħu?

4Min għandu jdejh indaf u qalbu safja, min ma jagħtix ruħu għall-frugħa, u anqas ma jaħlef bil-qerq.


© 2020 Malta Bible Society.

5Dan ikollu barka mingħand il-Mulej, u l-ħlas li ħaqqu minn Alla, is-Salvatur tiegħu.

6Dan hu n-nisel ta' dawk li jfittxuh; li jfittxu 'l wiċċek, Alla ta' Ġakobb.

7Intrefgħu, bibien, infetħu, intom bibien ta' dejjem, ħalli jidħol is-Sultan tal-glorja!

8Min hu dan is-Sultan tal-glorja? Hu l-Mulej setgħan u qawwi, il-Mulej qawwi fit-taqbida.

9Intrefgħu, bibien, infetħu, intom bibien ta' dejjem, ħalli jidħol is-Sultan tal-glorja!

10Min hu dan is-Sultan tal-glorja? Hu l-Mulej tal-eżerċti: dan hu s-Sultan tal-glorja!

## Salmi 25

### Talba għall-għajnuna u l-maħfra

*1*Ta' David.

Lejk jien nerfa' ruħi, Mulej, Alla tiegħi.

2Fik jien nittama, ma jkollix għax nitħawwad; ma jifirħux l-għedewwa tiegħi minħabba fija.

3Kull min jittama fik ma jkollux għax jitħawwad; jitħawwad min malajr jonqsok mill-kelma.

4Triqatek, Mulej, għarrafni, il-mogħdijiet tiegħek għallimni.

5Mexxini fis-sewwa tiegħek u għallimni, għax int Alla tas-salvazzjoni tiegħi. Għalik nixxennaq il-jum kollu.

6Ftakar fil-ħniena u t-tjieba tiegħek, għax huma minn dejjem, Mulej.

7Tiftakarx fil-ħtijiet u d-dnubiet ta' żgħożiti: inti tajjeb, Mulej; ftakar fija skont it-tjieba tiegħek.

8Tajjeb u sewwa l-Mulej; għalhekk juri triqtu lill-ħatja.

9Imexxi l-imsejkna fis-sewwa, jgħallem lill-fqajrin it-triq tiegħu.

10Il-mogħdijiet tal-Mulej kollhom tjieba u fedeltà għal min iħares il-patt u l-liġijiet tiegħu.

11Minħabba l-isem tiegħek, Mulej, aħfirli ħżuniti, kbira kemm hi kbira.

12Min hu dak li għandu l-biża' tal-Mulej? Lilu hu juri t-triq li għandu jagħżel.

13Fil-ġid hu jgħammar, uliedu jiksbu l-art.


© 2020 Malta Bible Society.

14Midħla l-Mulej ta’ dawk li jibżgħu minnu, lilhom jgħarraf il-patt tiegħu.

15Għajnejja dejjem fil-Mulej, għax hu mix-xbiek jaqlagħli riġlejja.

16Dur lejja u kun twajjeb miegħi, għax jiena fqajjar u waħdi.

17Serraħli qalbi mid-dwejjaq, min-niket tiegħi eħlisni.

18Ara n-niket u d-diqa tiegħi, u aħfirli ħtijieti kollha.

19Ara kemm kotru l-għedewwa tiegħi, x’mibegħda qawwija għandhom għalija.

20Ħarisli ħajti u eħlisni; la nistkenn fik, m’għandix għax ninfixel.

21Is-sewwa u d-dritt iħarsuni, għax jien fik ittamajt.

22Eħles, o Alla, lil Iżrael, mid-dwejjaq tiegħu kollha!

## Salmi 26

### Talba tal-innoċenti

1Ta’ David

Agħmel ħaqq miegħi int, Mulej! Bla ħtija l-imġiba tiegħi, sħiħa fil-Mulej it-tama tiegħi.

2Ġarrabni, Mulej, u għarbilni, iflili moħħi u qalbi.

3Tjubitek quddiem għajnejja, imxejt skont is-sewwa tiegħek.

4Ma qgħadtx man-nies giddieba, ma sseħibtx ma’ nies qarrieqa.

5Nobgħod il-ġemgħa tal-ħżiena, ma nagħmilhiex mal-midinbin.

6Naħsel fis-safa jdejja, u ndur madwar l-artal tiegħek, Mulej,

7biex ngħannilek ir-radd ta’ ħajr, u nxandar għeġubijietek kollha.

8Mulej, inħobb id-dar tal-għamara tiegħek, il-post fejn jgħammar sebħek.

9Tgħoddnix man-nies midinba, anqas ma’ min ixerred id-dmija;

10dawk li għandhom f’idejhom il-ħażen, u f’leminthom rigali qarrieqa.

11Iżda jien nimxi bla ħtija; eħlisni int, u ħenn għalija.

12Jien b’riġli wieqaf fil-wita; fil-ġemgħat, Mulej, lilek inbierek.

## Salmi 27

### Fiduċja kbira f’Alla

1Ta’ David

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

Il-Mulej id-dawl u s-salvazzjoni tiegħi; minn min għandi nibża'? Il-Mulej hu l-kenn tiegħi; quddiem min għandi nitwerwer?

2Meta jqumu għalija l-ħżiena, biex jaħtfuni u jikluni, dawk li għandhom għalija, l-għedewwa tiegħi, huma jitfixklu u jaqgħu.

3Imqar jekk eżerċtu jqum għalija, xejn ma tibża' qalbi; imqar jekk gwerra tqum kontrija, jiena nibqa' qalbi qawwija.

4Ħaġa waħda tlabt lill-Mulej, ħaġa waħda nfittex: li ngħammar f'dar il-Mulej tul il-jiem kollha ta' ħajti; biex nitgħaxxaq bil-ħlewwa tal-Mulej jien u nħares lejn it-tempju tiegħu.

5Għax hu jaħbini fl-għarix tiegħu meta nsib ruħi fil-għawġ; jistorni fis-satra ta' daru, fuq blata fl-għoli jqegħedni.

6U issa tintrefa' rasi fuq l-għedewwa ta' madwari. U jien noffri fit-tempju tiegħu sagrifiċċju b'għajjat ta' ferħ. Ngħanni u nfaħħar il-Mulej!

7Isma', Mulej, leħen l-għajta tiegħi, ħenn għalija u weġibni.

8"Ejja," għedt f'qalbi, "fittex 'il wiċċu"; jien wiċċek infittex, Mulej.

9La taħbix wiċċek minni, la twarrabx bl-herra l-qaddej tiegħek. Inti l-għajnuna tiegħi; tħallinix u titlaqnix, Alla tas-salvazzjoni tiegħi.

10Għalkemm telquni missieri u ommi, il-Mulej jilqagħni għandu.

11Urini, Mulej, it-triq tiegħek, mexxini minn mogħdija dritta minħabba l-għedewwa tiegħi.

12Titlaqnix għax-xewqa tal-għedewwa tiegħi; għaliex xhieda qarrieqa qamu kontrija, li l-qerq jarmu man-nifs tagħhom.

13Nemmen li għad nara t-tjieba tal-Mulej f'art il-ħajjin.

14Ittama fil-Mulej, żomm sħiħ u qawwi qalbek; ittama fil-Mulej.

## Salmi 28

### Talb u radd il-ħajr

1Ta' David.

Lilek, Mulej, insejjaħ; blata tiegħi, la tittarraxx għalija. Jekk int tibqa' sieket miegħi, inkun nixbah lil min jinżel fil-ħofra.

2Isma' leħen it-tnehid tiegħi meta nsejjaħ l-għajnuna tiegħek, kull meta nerfa' jdejja lejn is-santwarju mqaddes tiegħek.

3Tiġbornix man-nies ħżiena, ma' dawk li jagħmlu l-ħażen, li kliem ta' sliem jgħidu lil għajrhom, u qalbhom bil-qerq mimlija.


© 2020 Malta Bible Society.

4Ħallashom skont għemilhom, skont l-għemejjel ħżiena tagħhom; skont dak li għamlu jdejhom, roddilhom il-ħlas li ħaqqhom.

5Għax ma jaħsbux f'dak li għamel il-Mulej, dak li għamlu jdejh. Hu jeqridhom u ma jqajjimhomx iżjed!

6Imbierek il-Mulej, għax sama' leħen it-tnehid tiegħi.

7Il-Mulej hu l-qawwa tiegħi u t-tarka tiegħi, fih ittamat qalbi; ksibt l-għajnuna u ferħet qalbi; irroddlu ħajr bil-għana tiegħi.

8Il-Mulej hu s-saħħa tal-poplu tiegħu, kenn tas-salvazzjoni għas-sultan, il-midluk tiegħu.

9Salva l-poplu tiegħek, bierek 'il wirtek, kun ir-ragħaj tagħhom, erfagħhom għal dejjem!

## Salmi 29

### Il-Mulej, sid tat-tempesti

*1*Salm ta' David.

Agħtu lill-Mulej, ulied Alla, agħtu lill-Mulej glorja u qawwa.

2Agħtu lill-Mulej il-glorja ta' ismu, qimu l-Mulej fl-għamara mqaddsa tiegħu.

3Leħen il-Mulej fuq l-ibħra; Alla tal-glorja jriegħed, il-Mulej fuq l-ibħra kotrana.

4Leħen il-Mulej bil-qawwa, leħen il-Mulej bil-glorja.

5Leħen il-Mulej ikisser iċ-ċedri; ikisser il-Mulej iċ-ċedri tal-Libanu.

6Iġiegħel il-Libanu jaqbeż bħal għoġol, is-Sirjon bħal ferħ ta' gendus selvaġġ.

7Leħen il-Mulej itajjar ilsna tan-nar.

8Leħen il-Mulej jheżżeż id-deżert; jheżżeż il-Mulej id-deżert ta' Kades.

9Leħen il-Mulej jobrom il-ballut, u jżarma l-foresti; u fit-tempju tiegħu kulħadd jgħid: Glorja!

10Il-Mulej jaħkem fuq l-għargħar; isaltan il-Mulej għal dejjem.

11Il-Mulej jagħti l-qawwa lill-poplu tiegħu; ibierek il-Mulej bis-sliem il-poplu tiegħu!

## Salmi 30

### Radd il-ħajr għall-ħelsien mill-mewt

*1*Salm. Innu għad-Dedikazzjoni tat-Tempju. Ta' David.


© 2020 Malta Bible Society.

2Ngħollik, Mulej, għax erfajtni, u ma ferraħtx l-għedewwa tiegħi bija.

3Mulej, Alla tiegħi, jien sejjaħtlek; sejjaħtlek, u int fejjaqtni.

4Mulej, tellajtli mill-mewt 'il ruħi, ħlistni minn fost dawk li jinżlu fil-ħofra.

5Għannu lill-Mulej, ħbieb tiegħu, faħħru l-isem imqaddes tiegħu.

6Għax ftit iddum is-saħna tiegħu, iżda għomor sħiħ l-imħabba tiegħu. Filgħaxija
jidħol il-biki, filgħodu jidwi l-għajjat ta' ferħ.

7Mela jien għedt fl-aħjar tiegħi: "Żgur li qatt ma niċċaqlaq!"

8Mulej, bil-pjaċir tiegħek fuq muntanja qawwija qegħedtni; imbagħad ħbejt
wiċċek minni, u jien tħawwadt għalkollox.

9Lilek sejjaħt, Mulej; lil Sidi tlabt il-ħniena.

10X'tieħu int jekk inkun mejjet, jekk jiena ninżel fil-qabar? Se jfaħħrek forsi t-
trab? Se jxandar il-fedeltà tiegħek?

11Ismagħni, Mulej, u ħenn għalija; kun, Mulej, l-għajnuna tiegħi.

12Int bdilt fi żfin l-għali tiegħi, neżżajtni min-niket, bil-ferħ ħażżimtni.

13Għalhekk ruħi tgħannilek bla heda; Mulej, Alla tiegħi, infaħħrek għal dejjem!

## Salmi 31

### Talba fil-hemm u ħajr għall-ħelsien

*1*Għal mexxej tal-kor. Salm ta' David.

2Fik, Mulej, jien nistkenn; ma jkolli qatt għax nirgħex. Fil-ġustizzja tiegħek
salvani,

3agħtini widen u fittex eħlisni. Kun blata tal-kenn għalija, fortizza qawwija ta'
salvazzjoni.

4Inti l-blata u l-fortizza tiegħi; f'ġieħ ismek mexxini u wassalni.

5Oħroġni mix-xibka li ħbew għalija, għax inti l-qawwa tiegħi.

6F'idejk jien nerħi ruħi; int teħlisni, Mulej, Alla tas-sewwa.

7Int tobgħod 'il min iqim allat fiergħa; imma jien fil-Mulej nittama.

8Nifraħ u nithenna għat-tjieba tiegħek, int, li rajt l-hemm tiegħi, li għaraft id-diqa
ta' qalbi.

9Ma tlaqtnix f'idejn l-għedewwa, imma qegħedtli fil-wisa' riġlejja.


© 2020 Malta Bible Society.

10 Henn għalija, Mulej, għax ninsab fil-hemm, infnew għajnejja minħabba d-dwejjaq, ruħi wkoll u l-ġewwieni tiegħi.

11 Infniet ħajti bl-għali, u bl-ilfiq is-snin ta' ħajti; minħabba fil-hemm naqsitni saħħti, u tmermer għadmi kollu.

12 Minħabba l-għedewwa tiegħi kollha, jien sirt ħaġa ta' min ikasbarha; jitwerwru l-ġirien tiegħi, u min jafni jibża' minni. Dawk li jarawni barra jaħarbu minni.

13 Insewni bħal wieħed mejjet, sirt bħal ġarra mkissra.

14 Għax smajt l-għajdut tal-kotra fuqi; biża' minn kullimkien madwari. Jiftiehmu bejniethom kontrija, jonsbuni biex jeħduli ħajti.

15 Imma jien fik nittama, Mulej; jien ngħidlek: "Alla tiegħi int!"

16 F'idejk hi xortija, eħlisni minn id l-għedewwa, minn id dawk li jeħduha kontrija.

17 Uri d-dawl ta' wiċċek lill-qaddej tiegħek; fit-tjieba tiegħek eħlisni.

18 Mulej, tħallinix ninfixel, lili li qed insejjaħlek; ħa jinfixlu l-ħżiena, u jinżlu mbikkma f'art l-imwiet!

19 Ħa jisktu x-xufftejn giddieba, li jmaqdru u jkasbru l-ġust bil-kburija!

20 Kemm hu kbir il-ġid tiegħek, Mulej, li inti rfajt għal min jibża' minnek, li int ħejjejt għal min jafda fik, quddiem il-bnedmin kollha!

21 Bil-ħarsien tiegħek tkenninhom kontra t-tnassis tal-bnedmin; fl-għarix tiegħek taħbihom kontra t-tqassis tal-ilsna.

22 Imbierek il-Mulej li minn belt qawwija għamel miegħi għeġubijiet ta' tjieba.

23 Jien għedt fil-fixla li kelli: "Ninsab maqtugħ minn taħt għajnejk." Imma int smajt leħen it-tħannin tiegħi meta sejjaħt l-għajnuna tiegħek.

24 Ħobbu l-Mulej, ħbieb tiegħu kollha. Lit-twajbin iħarishom il-Mulej, imma jpattiha sewwa lil min jimxi bil-kburija.

25 Issaħħu u qawwu qalbkom, intom ilkoll li tittamaw fil-Mulej.

## Salmi 32

### L-hena ta' min jaqla' l-maħfra

1 Ta' David. Maskil.

2 Hieni l-bniedem li ħtijietu maħfura, li għandu d-dnub tiegħu mistur! Hieni l-bniedem li ebda ħażen ma jgħoddlu l-Mulej, u ma għandu ebda qerq f'qalbu!

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

3Jien bqajt sieket, u nfena ġismi, jiena u nokrob il-jum kollu.

4Għax lejl u nhar it-toqol ta' idek fuqi; saħħti nfniet bħal bis-sħana tas-sajf.

5Id-dnub tiegħi jien stqarrejtlek, u l-ħażen tiegħi ma ħbejthulekx. Jien għedt:
"Quddiem il-Mulej nistqarr ħtijieti." U int ħfirtli l-ħażen tad-dnub tiegħi.

6Għalhekk kull min hu twajjeb lilek jitlob fi żmien in-niket. Jekk ifuru ilmijiet
kotrana, lilu qatt ma jilħquh.

7Int kenn għalija, mit-taħbit tħarisni, iddawwarni u tferraħni bil-ħelsien tiegħek.

8Ngħallmek u nurik it-triq li għandek tieħu; inwissik, u nżomm għajnejja fuqek.

9Tkunux bla sens bħaż-żiemel u l-bagħal, li bil-lġiem u r-riedni trażżanhom, biex
jirnexxilek tiġbidhom lejk.

10Ħafna huma t-tbatijiet tal-ħżiena; iżda min jittama fil-Mulej jitħaddan bil-
ħniena.

11Ifirħu, twajbin, u thennew fil-Mulej; għajtu bil-ferħ, intom ilkoll ta' qalbkom
safja.

## Salmi 33

### Tifħir lis-setgħa u l-provvidenza ta' Alla

1Għannu, ġusti, bil-ferħ lill-Mulej; jixirqilhom ifaħħruh in-nies sewwa.

2Faħħru l-Mulej bid-daqq taċ-ċetra; għannulu fuq l-arpa b'għaxar kordi.

3Għannulu għanja ġdida; doqqulu bis-sengħa u b'leħen qawwi.

4Għax sewwa hi l-kelma tal-Mulej, kollox bil-fedeltà huwa għamel.

5Hu jħobb id-dritt u s-sewwa; bit-tjieba tal-Mulej mimlija l-art.

6Bil-kelma tal-Mulej saru s-smewwiet, u b'nifs fommu t-tiżjin kollu tagħhom.

7Bħal f'ġarra l-ilmijiet ġabar, u l-ibħra kbar fi mħażen.

8Ħa tibża' mill-Mulej l-art kollha; jitbeżża' minnu kull min jgħammar fid-dinja.

9Għax hu tkellem, u hi saret; hu ordna, u hi twaqqfet.

10Il-Mulej ixejjen il-fehmiet tal-ġnus, ifixkel il-ħsibijiet tal-popli.

11Imma l-fehma tal-Mulej tibqa' għal dejjem, minn żmien għal żmien il-ħsibijiet
ta' moħħu.

12Hieni l-ġens li l-Mulej hu Alla tiegħu, il-poplu li hu għażel b'wirtu.

13Mill-għoli tas-smewwiet iħares il-Mulej, u jara l-bnedmin kollha;


© 2020 Malta Bible Society.

14mill-post fejn jgħammar jistħarreġ fuq dawk kollha li jgħixu fuq l-art.

15Hu jsawwar il-qalb ta' kull wieħed, u jagħraf għemilhom kollu.

16Ma jagħmel xejn is-sultan bl-eżerċtu tiegħu kollu, anqas ma jeħlisha l-gwerrier
bil-ħila kollha tiegħu.

17Xejn ma jiswa ż-żiemel għar-rebħa, b'saħħtu kollha 'l ħadd ma jeħles.

18Ara, għajnejn il-Mulej fuq dawk li jibżgħu minnu, fuq dawk li jittamaw fit-tjieba
tiegħu,

19Biex jeħilsilhom mill-mewt ħajjithom, u jaħjihom fi żmien il-ġuħ.

20Ruħna tixxennaq għall-Mulej, hu l-għajnuna u t-tarka tagħna.

21Fih jinsab l-hena ta' qalbna, fl-isem qaddis tiegħu t-tama tagħna.

22Ħa tkun, Mulej, it-tjieba tiegħek fuqna, kif fik hi t-tama tagħna.

## Salmi 34

### Tifħir lil Alla difensur tal-ġustizzja

*1*Ta' David, meta għamilha ta' iblah quddiem Abimelek u dan keċċieh, u hu
telaq.

2Kull ħin inbierek il-Mulej; tifħiru dejjem fuq fommi.

3Bil-Mulej tiftaħar ruħi; jisimgħu l-fqajrin u jifirħu.

4Xandru l-kobor tal-Mulej miegħi; ħa ngħollu ismu flimkien.

5Jien fittixt il-Mulej, u weġibni, minn kull biża' tiegħi ħelisni.

6Ħarsu lejh u jiddi bil-ferħ wiċċkom, u ma jkollkomx għax tistħu.

7Dan il-fqajjar sejjaħ u l-Mulej semgħu, u mid-dwejjaq tiegħu kollha ħelsu.

8L-anġlu tal-Mulej jgħasses madwar dawk li jibżgħu minnu, u jeħlishom.

9Ippruvaw u taraw kemm hu tajjeb il-Mulej; hieni l-bniedem li jistkenn fih.

10Ibżgħu mill-Mulej, qaddisin tiegħu; xejn ma jonqsu min jibża' minnu.

11Is-setgħana jiftaqru u jbatu l-ġuħ; min ifittex lill-Mulej xejn ma jkun jonqsu.

12Ejjew uliedi, isimgħu lili; jiena l-biża' tal-Mulej ngħallimkom.

13Min hu l-bniedem li jħobb il-ħajja, u jixtieq jara għomru kollu riżq?

14Ħares ilsienek mill-ħażen, u xufftejk minn kliem il-qerq.

15Tbiegħed mill-ħażen u agħmel it-tajjeb, fittex is-sliem u imxi warajh.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

16Għajnejn il-Mulej lejn il-ġusti, u widnejh miftuħa għall-għajta tagħhom.

17Il-ħarsa tal-Mulej fuq il-ħżiena, biex jeqred minn fuq l-art tifkirithom.

18Jgħajtu l-ġusti għall-għajnuna, u l-Mulej jismagħhom; mid-dwejjaq kollha tagħhom jeħlishom.

19Qrib il-Mulej lejn dawk b'qalbhom maqsuma, jgħin lil dawk b'ruħhom mifnija.

20Kbar huma l-ħsarat tar-raġel sewwa, iżda minnhom kollha jeħilsu l-Mulej.

21Iħarislu għadmu kollha, ebda waħda ma titkissirlu.

22Il-ħażin ħżunitu teqirdu; min jobgħod il-ġust iħallas għall-ħtija.

23Jifdi l-Mulej il-ħajja tal-qaddejja tiegħu; kull min jistkenn fih ma jkollux xi jpatti.

## Salmi 35

### Talba tal-ġust ippersegwitat

1Ta' David.

Hudha, Mulej, ma' min jeħodha miegħi, tqabad ma' min jitqabad kontrija.

2Aqbad it-tarka, il-kbira u ż-żgħira, u qum biex tagħtini l-għajnuna.

3Xejjer il-lanza u islet is-sejf għal dawk li jagħmlu għalija. Għidli: "Jiena s-salvazzjoni tiegħek!"

4Jitfixklu u jistħu dawk li jfittxu jneħħuli ħajti. Jerġgħu lura mifxula dawk li ħsiebhom kif jagħmluli l-ħsara.

5Ħa jkunu bħal karfa mar-riħ, imkeċċija mill-anġlu tal-Mulej.

6Tkun triqithom dlam u żliq; u l-anġlu tal-Mulej isuqhom.

7Għal xejn b'xejn nasbuli xibka, għal xejn ħaffruli ħofra.

8Tiġi fuqhom qerda għal għarrieda, taħkimhom ix-xibka li nasbu, jaqgħu fil-ħofra li ħaffru.

9Imma jien fil-Mulej nifraħ, nitgħaxxaq bis-salvazzjoni tiegħu.

10Saħansitra għadmi kollu jgħid: "Min hu bħalek, Mulej! Int teħles l-imsejken minn min hu aqwa minnu, l-imsejken u l-fqajjar minn dawk li jisirquh."

11Iqumu xhieda qarrieqa, jistaqsuni dak li ma nafx;

12bid-deni għall-ġid iħallsuni; qerduli ruħi.

13Iżda meta huma kienu morda, jien kont nilbes l-ixkora; kont ngħakkes bis-sawm lili nnifsi, u nitlob b'rasi mgħaddsa fi ħdani.


© 2020 Malta Bible Society.

14 Bħal ħbiebi, bħal ħuti mxejt magħhom; bħal min jagħli għal ommu nxtħett fin-niket.

15 Meta wqajt jien, inġemgħu flimkien jifirħu, ingħaqdu flimkien kontrija. Bla ma naf għaliex jaħbtu għalija, bla heda jtertquni.

16 Mal-ħżiena jkasbruni u jiddieħku bija, jgħażgħżu snienhom kontrija.

17 Int, Mulej Sidi, kemm se ddum tħares? Eħlisni mill-qerda tagħhom, eħlisli mill-iljuni ħajti l-għażiża.

18 Niżżik ħajr qalb ġemgħa kbira, qalb kotra ta' nies infaħħrek.

19 Tħallix l-għedewwa qarrieqa jithennew minħabba fija; anqas 'il dawk li għal xejn jobogħduni jegħmżu 'l xulxin kontrija.

20 Għax huma ma jitkellmux bis-sliem; imqar kontra nies kwieti kliem ta' qerq jaqilgħu.

21 Ħalqhom jiftħu beraħ fuqi: "Arah!", jgħidu ferħana. "Hawn hu taħt għajnejna!"

22 Int rajtu dan, Mulej; la tibqax sieket; Sidi, titbegħidx minni.

23 Stenbaħ u qum biex tagħtini raġun, biex taqbeż għall-kawża tiegħi, Alla tiegħi u Sid tiegħi.

24 Skont il-ġustizzja tiegħek agħtini li ħaqqni, Mulej, Alla tiegħi; tħallihomx jifirħu minħabba fija.

25 Halli ma jgħidux f'qalbhom: "Qtajna xewqitna!" Halli ma jgħidux: "Ġibnieh fix-xejn."

26 Ħa jistħu u jinfixlu lkoll flimkien dawk li jifirħu bid-deni tiegħi. Jitgħabbew bl-għajb u bil-mistħija dawk li jitkabbru minħabba fija.

27 Jifirħu u jithennew dawk li jgħożżu l-ġustizzja tiegħi; u jgħidu dejjem: 'Kbir il-Mulej, li jgħożż is-sliem tal-qaddej tiegħu!"

28 Imbagħad ixandar ilsieni l-ġustizzja tiegħek, il-jum kollu t-tifħir tiegħek.

## Salmi 36

### Il-ħażen tal-midneb u t-tjieba ta' Alla

*1* Għall-mexxej tal-kor. Ta' David, il-qaddej tal-Mulej.

2 Il-ħażen ifesfes lill-ħażin f'qiegħ qalbu; m'hemmx biża' ta' Alla quddiem għajnejh.

3 Għax hu jiddandan bil-fehma tiegħu, li Alla ma jsibx fih ħtija x'jistmell.

4 Kliem fommu kollu qerq u gideb, ma jimxix bil-għaqal, ma jagħmilx il-ġid.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

5Fuq friexu jaħseb kif se jqarraq, triq ħażina qabad, ma jwarrabx dak li hu ħażin.

6Mulej, sas-smewwiet tasal it-tjieba tiegħek, sas-sħab il-fedeltà tiegħek.

7M'ogħla s-smewwiet il-ġustizzja tiegħek, baħar bla qiegħ il-ħaqq tiegħek; bnedmin u bhejjem int tgħinhom, Mulej!

8Kemm hi għażiża t-tjieba tiegħek, o Alla! Għad-dell ta' ġwenħajk jistkennu wlied il-bnedmin.

9Jixbgħu bil-ġid tad-dar tiegħek, tisqihom ix-xmara tal-hena tiegħek.

10Għax għandek hemm l-għajn tal-ħajja, fid-dawl tiegħek naraw id-dawl.

11Żomm it-tjieba tiegħek ma' min jagħrfek, il-ġustizzja tiegħek ma' min hu qalbu safja.

12Ma jersaqx għal fuqi riġel il-kburi, ma titfagħnix 'il barra id il-ħażin.

13Hemm waqgħu dawk li jagħmlu l-ħażen, intefgħu 'l isfel u ma jistgħux iqumu.

## Salmi 37

### Il-premju tat-tajbin u l-kastig tal-ħżiena

1Ta' David.

La tagħdabx minħabba l-ħżiena, la tgħirx għal dawk li jagħmlu d-deni;

2għax bħall-ħaxix malajr jidbielu, u bħan-nibbieta malajr jinxfu.

3Afda fil-Mulej, u agħmel it-tajjeb; għammar fl-art, u tgħix b'moħħok mistrieħ;

4qiegħed fil-Mulej l-għaxqa tiegħek, u jagħtik dak li tixtieq qalbek.

5Erħi fil-Mulej it-triq tiegħek, afda fih, u jagħmel hu.

6Hu juri bħad-dawl is-sewwa tiegħek, u d-dritt tiegħek bħal nofsinhar.

7Serraħ rasek fil-Mulej u ittama fih; tinkeddx minħabba f'min jirnexxi u f'min jimxi bil-ħżunija.

8Ħallik mill-korla u la tirrabjax; tinkedd xejn, għax deni jiswielek.

9Għax il-ħżiena jitqaċċtu 'l barra; min jittama fil-Mulej jikseb l-art.

10Ftit ieħor, u l-ħażin ma jkunx aktar; għad tħares fejn kien u ma ssibux.

11Imma l-ġwejdin għad jirtu l-art, u bi sliem kotran jitgħaxxqu.

12Jonsob il-ħażin għall-bniedem ġust, u jgħażgħeż snienu kontra tiegħu,

13imma l-Mulej bil-ħażin jidħak, għax jara li wasal żmienu.


© 2020 Malta Bible Society.

14Jisiltu s-sejf il-ħżiena u jiġbdu l-ark tagħhom, biex joqtlu l-imsejken u l-fqajjar,
u joqtlu ’l min jimxi sewwa.

15Imma sejfhom jinfdilhom qalbhom, u l-ark tagħhom jitkisser.

16Aħjar il-ftit li għandu l-ġust mill-ġid kotran tal-ħżiena;

17għax dirgħajn il-ħażin jitkissru, imma l-Mulej iżomm il-ġusti.

18Fi ħsieb il-Mulej il-ħajja tat-tajbin, u wirthom jibqa’ għal dejjem.

19Ma jitfixklux f’siegħa ħażina, u jixbgħu fi żmien il-ġuħ.

20Imma l-ħżiena għad jintilfu; l-għedewwa tal-Mulej jintemmu bħal ġmiel ir-
raba’, u jgħibu kif jgħib id-duħħan.

21Jissellef il-ħażin u ma jroddx; imma l-ġust iħenn u jagħti.

22Dawk li l-Mulej ibierek jiksbu l-art; imma dawk li hu jisħet jitqaċċtu ’l barra.

23Il-Mulej isaħħaħ il-mixi tal-bniedem, iwettqu u jitgħaxxaq bi triqtu.

24Jekk jaqa’, ma jmurx għal tulu fl-art, għax il-Mulej iżommlu idu.

25Kont żagħżugħ, u issa xjeħt, u qatt ma rajt il-ġust minsi, jew uliedu jittallbu
ħobżhom.

26Dejjem iħenn u jislef bil-qalb, u wliedu jgħixu bil-barka.

27Tbiegħed mill-ħażen u agħmel it-tajjeb, biex tibqa’ tgħammar għal dejjem.

28Għax il-Mulej iħobb is-sewwa, u ma jitlaqx it-twajbin tiegħu; hu jħarishom għal
dejjem, imma wlied il-ħżiena jeqridhom.

29Il-ġusti jirtu l-art, u jgħammru fiha għal dejjem.

30Minn fomm il-ġust joħroġ kliem l-għerf, u lsienu jgħid is-sewwa.

31Il-liġi ta’ Alla tiegħu għal qalbu, ma jitfixkilx fil-mixi tiegħu.

32Il-ħażin jgħasses għall-ġust, u jfittex li jneħħilu ħajtu.

33Imma l-Mulej ma jitilqux f’idejh, ma jħallihx jaqa’ taħt il-ħaqq tiegħu.

34Ittama fil-Mulej u ħares triqtu, hu jerfgħek biex tikseb l-art; imbagħad tara l-
ħżiena meqruda.

35Jien rajt wieħed ħażin jitkabbar jinfirex qisu ċedru tal-Libanu.

36Erġajt għaddejt, u ma rajtux; fittixtu, u ma sibtux.

37Ħares lejn min hu tajjeb, ara l-bniedem sewwa; għax ulied iħalli min iħobb is-
sliem.

38Imma l-midinbin flimkien jinqerdu; ulied il-ħżiena jitqaċċtu ’l barra.


© 2020 Malta Bible Society.

39Is-salvazzjoni tal-ġusti mill-Mulej; hu l-kenn tagħhom fi żmien l-għawġ.

40Il-Mulej jgħinhom u jeħlishom mill-ħżiena, isalvahom għax fih jistkennu.

## Salmi 38

### Talba ta' midneb maħkum mill-mard

*1*Salm ta' David. B'tifkira.

2Mulej, la ċċanfarnix fil-korla tiegħek, la twiddibnix fis-saħna tiegħek!

3Għax il-vleġeġ tiegħek daħlu fija, u idek tagħfas fuqi.

4Xejn mhu sħiħ f'ġismi minħabba l-għadab tiegħek; m'hemmx saħħa f'għadmi
minħabba ħtijieti.

5Għax dnubieti telgħu 'l fuq minn rasi, bħal toqol kbir għalija jagħfsu fuqi.

6Irejħu u jdennu l-ġrieħi tiegħi, ħtija tal-bluha tiegħi.

7Ninsab milwi u mifni għall-aħħar; il-jum kollu ngħaddih fid-dwejjaq.

8Għax qabadni ħruq f'ġenbejja, u xejn sħiħ ma għandi f'ġismi.

9Mifni nħossni u mfarrak għalkollox; ngħajjat minħabba t-tferfir ta' qalbi.

10Sidi, quddiemek hi x-xewqa kollha tiegħi; it-tnehid tiegħi mhux moħbi minnek.

11Qalbi tħabbat, saħħti ħallietni, id-dawl ta' għajnejja wkoll naqasni.

12Ħbiebi u sħabi mill-mard tiegħi jitgerrxu; qrabati jżommu 'l bogħod minni.

13Xibka ħejjewli dawk li jonsbuli ħajti, iqassu fuqi dawk li jixtiquli d-deni, il-ħin
kollu l-qerq inassu.

14Imma jien bħal trux li ma jismax; bħal imbikkem li ma jiftaħx ħalqu.

15Nagħmilha ta' wieħed li ma jismax, bħal wieħed li xejn ma għandu xi jgħid.

16Għax fik, Mulej, jien nittama; int li twieġeb, Sid u Alla tiegħi.

17Jien għedt: "Ma jifirħux minħabba fija, ma jiftaħrux fuqi jekk riġli jogħtor."

18Għax jien wasalt biex naqa', u tbatijieti dejjem quddiem għajnejja.

19Ħtijieti jien nistqarrhom; nitħasseb fuq id-dnub tiegħi.

20Tqawwew dawk li għal xejn b'xejn huma kontrija; żdiedu dawk li għal xejn
jobogħduni;

21dawk li jrodduli għall-ġid id-deni; dawk li jiqfuli għax nimxi sewwa.

22La tħallinix, Mulej; Alla tiegħi, titbegħidx minni.


© 2020 Malta Bible Society.

23Fittex agħtini l-għajnuna, Sidi, is-salvazzjoni tiegħi.

## Salmi 39

### Ħajjitna qasira u kollha frugħa

1Għall-mexxej tal-kor. Għal Ġedutun. Salm ta' David.

2Jien għedt: "Irrid nara kif nimxi, biex ma nagħmilx dnubiet bi lsieni; inqiegħed
fuq fommi sarima, sakemm idum il-ħażen quddiemi."

3Għalaqt ħalqi u bqajt sieket, żammejt il-kwiet, u xejn ma swieli, l-uġigħ tiegħi
aktar ħraxli.

4Tħeġġet qalbi ġewwa fija; għall-ħsieb biss, nar tkebbes fija. Inħall imbagħad
ilsieni, u jien għedt:

5"Għarrafni, Mulej, it-tmiem tiegħi, u kemm hu twil żmien il-jiem tiegħi, ħa nkun
naf kemm xejn ma niswa.

6Ara, tul xibrejn għamiltli jiemi, żmien ħajti qisu xejn quddiemek. Tassew,
daqsxejn ta' nifs kull bniedem.

7Bħal dell jgħaddi l-bniedem, għalxejn joqgħod jitħabat, jaħżen il-ġid bla ma jaf
min għad jiġbru.

8U issa, Mulej, jien x'nistenna? Fik biss hija t-tama tiegħi.

9Eħlisni minn ħtijieti kollha, titlaqnix għaż-żebliħ tal-iblah.

10Niskot jien, ma niftaħx ħalqi, għax dan hu għemil tiegħek.

11Warrab minni d-daqqiet tiegħek; mifni jien bis-swat ta' jdejk.

12B'kastig tal-ħażen int tgħakkes il-bniedem, bħal kamla tgħarraqlu ġmielu.
Tassew, daqsxejn ta' nifs kull bniedem.

13Isma', Mulej, it-talba tiegħi, agħti widen għall-għajta tiegħi, tibqax trux għad-
dmugħ tiegħi. Għax jien mhux ħlief mistieden għandek, barrani, bħal missirijieti
kollha.

14Warrab ħarstek minn fuqi, biex nieħu n-nifs, qabel ma nitlaq u nintemm
għalkollox."

## Salmi 40

### Radd il-ħajr u talba għall-għajnuna

1Għall-mexxej tal-kor. Salm ta' David.

2Ittamajt b'tama qawwija fil-Mulej; hu niżel ħdejja u sama' l-għajta tiegħi.


© 2020 Malta Bible Society.

3Minn bir waħxi tellagħni, minn qalb il-ħama u t-tajn; fuq il-blat qegħedli riġlejja,
u saħħaħli l-mixi tiegħi.

4Qegħedli fuq fommi għanja ġdida, għanja ta' tifħir lil Alla tagħna. Ħafna jaraw u
jimtlew bil-biża' tiegħu, u jittamaw fil-Mulej.

5Hieni l-bniedem li jqiegħed fil-Mulej it-tama tiegħu, u ma jmurx mal-kburin,
mogħtija għall-gideb.

6Bla għadd l-għemejjel tiegħek, Mulej, Alla tiegħi; tal-għaġeb il-ħsibijiet tiegħek
għalina; ħadd ma jħabbatha miegħek! Irrid inxandarhom u fuqhom nitkellem;
iżda huma ħafna biex insemmihom.

7Int ma titgħaxxaqx b'sagrifiċċji u offerti; imma widnejja inti ftaħtli; ma tlabtnix
vittmi tal-ħruq u tat-tpattija.

8Imbagħad jien għedt: "Hawn jien, ġej. Fil-bidu tal-ktieb hemm miktub fuqi

9li nagħmel ir-rieda tiegħek. Alla tiegħi, dan jogħġobni; il-liġi tiegħek ġewwa
qalbi."

10Xandart il-ġustizzja f'ġemgħa kbira; xufftejja ma żammejthomx magħluqa.
Mulej, dan inti tafu.

11Ma ħbejtx f'qalbi l-ġustizzja tiegħek; il-fedeltà u s-salvazzjoni tiegħek jien
ħabbarthom; ma ħbejtx it-tjieba u l-fedeltà tiegħek lill-ġemgħa kbira.

12Int, Mulej, la ċċaħħadnix mill-ħniena tiegħek; it-tjieba u l-fedeltà tiegħek
iħarsuni għal dejjem!

13Għax għalquni minn kull naħa ħsarat li ma jingħaddux; ħakmuni ħtijieti u ma
nistax nara; huma aktar mix-xagħar ta' rasi; għandi qalbi maqtugħa.

14Ħa jogħġbok, Mulej, teħlisni; Mulej, fittex għinni.

15Ħa jistħu u jinfixlu lkoll flimkien dawk li jfittxu jneħħuli ħajti. Ħa jerġgħu lura
mħawda dawk li jifirħu bid-deni tiegħi.

16Jitbellhu bil-mistħija tagħhom dawk li jiddieħku bija.

17Jithennew u jifirħu bik dawk kollha li jfittxuk; jgħidu dejjem: "Kbir il-Mulej!"
dawk li jħobbu s-salvazzjoni tiegħek.

18Imma jien, fqajjar u msejken, għandi 'l Sidi jaħseb fija. Inti l-għajnuna u l-
ħelsien tiegħi; iddumx ma tgħinni, Alla tiegħi!

## Salmi 41

### Radd il-ħajr għall-fejqan mill-mard

*1*Għall-mexxej tal-Kor. Salm ta' David

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

2Hieni min jaħseb fil-fqir u d-dgħajjef; f'jum l-għawġ jeħilsu l-Mulej.

3Il-Mulej iħarsu, jagħtih il-ħajja u jhennih fuq l-art; ma jitilqux għar-rieda tal-għedewwa tiegħu.

4Il-Mulej jieqaf miegħu fuq is-sodda tal-mard; ifejqu mill-mard meta jkun mixħut.

5Jien għedt: "Henn għalija, Mulej; fejjaqni, għax dnibt kontra tiegħek."

6L-għedewwa jixtiquli d-deni u jgħidu: "Meta se jmut u jintemm ismu?"

7Min jiġi jżurni jgħid kliem fieragħ; jixtieq isir jaf aħbarijiet ħżiena, biex ixandarhom kif joħroġ barra.

8Dawk kollha li jobogħduni jfesfsu bejniethom kontrija; jaħsbu dak li hu ħażin għalija,

9"Marda mill-agħar ġiet fuqu; ma jqumx iżjed mnejn hu mixħut!"

10Imqar ħabibi, li fih kont nafda, li kiel minn ħobżi, intrefa' kontrija.

11Imma int, Mulej, ħenn għalija u qajjimni, u nkun nista' nagħtihom li ħaqqhom.

12Minn dan nagħraf li int kuntent bija, li l-għadu ma jifraħx minħabba fija.

13U lili inti żżommni, għax jien bla ħtija, u tqegħedni għal dejjem quddiemek.

14Imbierek il-Mulej, Alla ta' Iżrael, minn dejjem għal dejjem. Ammen! Ammen!

## Salmi 42

### IT-TIENI KTIEB

***Salmi 42—72***

**Xewqa kbira għat-tempju ta' Alla**

*1*Għall-mexxej tal-kor. Maskil. Ta' wlied Koraħ.

2Bħalma għażżiela tixxennaq għan-nixxigħat tal-ilma, hekk tixxennaq ruħi għalik, o Alla.

3Ruħi għatxana għal Alla, għal Alla l-ħaj; meta niġi u nara wiċċ Alla?

4Id-dmugħ lejl u nhar kien l-ikel tiegħi, meta l-jum kollu kienu jgħiduli: "Fejn hu Alla tiegħek?"

5Dan niftakar, u nħoss qalbi tinħall ġewwa fija, kif kont nimxi lejn it-tabernaklu tas-sebħ sad-dar ta' Alla, fost għajjat ta' ferħ u ta' radd il-ħajr, qalb folla ferħana.

6Għaliex tintelaq, ruħ tiegħi, u titħawwad ġewwa fija? Ittama f'Alla, għax jien nibqa' nfaħħru;


© 2020 Malta Bible Society.

7hu l-għajnuna tiegħi u Alla tiegħi! Tintelaq ruħi ġo fija; għalhekk fik niftakar minn art il-Ġordan u mill-Hermon u mill-muntanja ta' Misgħar.

8Minn irdum għal irdum jidwu l-ħsejjes qawwija tal-ilmijiet tiegħek; il-ħalel u l-imwieġ kollha tiegħek għaddew minn fuqi.

9Lejl u nhar il-Mulej jurini l-ħniena tiegħu; jien ngħanni u nitlob lil Alla l-ħaj.

10Ngħid lil Alla, il-blata tiegħi: "Għaliex tlaqtni? Għax għandi ngħix imdejjaq taħt it-tagħkis tal-għadu?"

11Kull meta jgħajruni l-għedewwa tiegħi, qishom qed ikissruli għadmi; meta jgħiduli l-ħin kollu: "Fejn hu Alla tiegħek?"

12Għaliex tintelaq, ruħ tiegħi, u titħawwad ġewwa fija? Ittama f'Alla, għax jien nibqa' nfaħħru; hu l-għajnuna tiegħi u Alla tiegħi!

## Salmi 43

### Tnehid għall-ħelsien u x-xewqa għat-tempju

1Agħmel ħaqq miegħi int, Mulej, u min-nies bla tjieba ddefendi l-kawża tiegħi; min-nies qarrieqa u ħżiena eħlisni.

2Inti l-kenn tiegħi, o Alla; għaliex warrabtni? Għax għandi ngħix imdejjaq taħt it-tagħkis tal-għadu?

3Ibgħat id-dawl tiegħek u s-sewwa tiegħek; huma jmexxuni; iwassluni sl-għolja mqaddsa tiegħek u sal-għerejjex tiegħek.

4U nidħol ħdejn l-artal ta' Alla, ħdejn Alla, ferħ u hena tiegħi. U rroddlok ħajr biċ-ċetra, o Alla, Alla tiegħi.

5Għaliex tintelaq, ruħ tiegħi, u titħawwad ġewwa fija? Ittama f'Alla, għax jien nibqa' nfaħħru; hu l-għajnuna tiegħi u Alla tiegħi!

## Salmi 44

### Talba għall-qawmien ta' Iżrael mirbuħ

*1*Għall-mexxej tal-kor. Ta' wlied Koraħ. Maskil.

2O Alla, b'widnejna aħna smajna, qaluhulna missirijietna, dak li int għamilt fi żmienhom,

3li għamilt b'idek fiż-żmien l-imgħoddi. Il-ġnus keċċejt, u lilhom ħawwilt f'arthom; il-popli għakkist, u lilhom frixt bħal friegħi.

4Ma kienx b'sejfhom li huma ħadu l-art, jew bi driegħhom li kisbu r-rebħa; kienet il-leminija tiegħek u d-driegħ tiegħek, u d-dija ta' wiċċek, għax int ħabbejthom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

5Inti s-sultan tiegħi u Alla tiegħi, li tajt ir-rebħa lil Ġakobb.

6Bik nitfgħu lura l-għedewwa tagħna, f'ismek nirfsu fuq dawk li jqumu għalina.

7Għax mhux fl-ark tiegħi jien nafda, anqas is-sejf tiegħi ma jrebbaħni.

8Imma int teħlisna mill-għedewwa tagħna, u tfixkel 'il dawk li jobogħduna.

9F'Alla niftaħru l-ħin kollu; ismek infaħħru għal dejjem.

10Imma issa warrabtna u ċekkintna, ma għadekx toħroġ mal-eżerċti tagħna.

11Ġagħaltna nduru lura minn quddiem l-għadu; dawk li jobogħduna ħatfulna
ħwejjiġna.

12Tlaqtna bħal nagħaġ għall-qatla, u fost il-ġnus xerridtna.

13Begħt il-poplu tiegħek għal ħaġa żgħira; ma qlajtx wisq mill-bejgħ tiegħu.

14Waqqajtna għaż-żebliħ tal-ġirien tagħna, għaċ-ċajt u t-tkasbir ta' dawk ta'
madwarna.

15Ġibtna fi lsien il-ġnus, u l-popli jħarsu lejna u jħarrku rashom.

16L-għajb tiegħi quddiemi l-jum kollu, il-mistħija tgħattili wiċċi,

17għall-kliem ta' żebliħ u tkasbir, quddiem l-għadu li jitħallas minni.

18Dan kollu ġralna, għalkemm ma nsejniekx, għalkemm ma ksirniex il-patt
tiegħek.

19Ma dorniex mill-fehma tagħna, anqas ħarġu minn triqtek riġlejna.

20Imma int sħaqtna f'art il-klieb selvaġġi, u b'dell il-mewt għattejtna.

21Li kieku nsejna isem Alla tagħna, jew ftaħna idejna quddiem xi alla barrani,

22ma kienx Alla b'dan jintebaħ, hu li jagħraf x'hemm moħbi fil-qalb?

23Minħabba fik joqtluna l-jum kollu, jgħodduna bħal nagħaġ għall-qatla.

24Qum! Għax int rieqed, Sid tiegħi? Stenbaħ! La twarrabniex għal dejjem.

25Għaliex taħbi wiċċek minna? Għaliex tinsa d-dwejjaq u t-tagħkis tagħna?

26Għax fit-trab ninsabu mitluqa, mixħuta mal-art minn tulna.

27Qum! Ejja biex tgħinna! Eħlisna, f'ġieħ it-tjieba tiegħek!

## Salmi 45

### Għanja għat-tieġ tal-Messija-Sultan

*1*Għall-mexxej tal-kor. Fuq "Il-Ġilji". Ta' wlied Koraħ. Maskil. Għanja ta' mħabba.


© 2020 Malta Bible Society.

2Qalbi tfawwar bi kliem sabiħ; ngħanni l-għanja tiegħi lis-sultan; ilsieni pinna ta' kittieb ħafif.

3Int l-isbaħ fost ulied il-bnedmin, imsawba l-ħlewwa fuq xufftejk; għalhekk bierkek Alla għal dejjem.

4Tħażżem, qalbieni, b'sejfek fuq ġenbek; ilbes il-ġieħ u l-ġmiel tiegħek!

5Irkeb għar-rebħa tas-sewwa u l-ħaqq; turik lemintek ħwejjeġ tal-għaġeb!

6Il-vleġeġ tiegħek jinfdu, taħtek jaqgħu l-popli; jaqtgħu qalbhom l-għedewwa tas-sultan.

7It-tron tiegħek, Alla, għal dejjem ta' dejjem; xettru tas-sewwa hu x-xettru ta' saltnatek!

8Int tħobb il-ġustizzja u tobgħod il-ħażen; għalhekk dilkek Alla, Alla tiegħek, b'żejt il-hena aktar minn sħabek.

9Bil-mirra u s-sabbara u l-kassja, kollha fwieħa lbiesek. Mill-palazzi tal-avorju jferrħek id-daqq tal-kordi.

10Bniet is-slaten joħorġu jilqgħuk; f'lemintek is-sultana mżejna b'deheb ta' Ofir.

11Isma', binti, ħares u agħti widen, insa 'l ġensek u 'l dar missierek.

12Jitgħaxxaq is-sultan bi ġmielek; u int, għax hu sidek, agħtih qima.

13In-nies ta' Tir bir-rigali jiġu, il-kbarat ifittxu l-favuri tiegħek.

14Kollha ġmiel bint is-sultan bil-ġawhar, minsuġ bid-deheb ilbiesha.

15Għand is-sultan jeħduha bix-xbejbiet warajha, it-tfajliet li jingħatawlha bi sħabha.

16Jittieħdu b'għajjat ta' ferħ u hena; jidħlu fil-palazz tas-sultan.

17Flok missirijietek jilħqu wliedek; inti tqegħedhom kapijiet fuq l-art kollha.

18Infakkar ismek minn nisel għal nisel; ifaħħruk il-popli għal dejjem ta' dejjem!

## Salmi 46

### Alla l-kenn u l-qawwa tagħna

1Għall-mexxej tal-kor. Ta' wlied Koraħ. Fuq "Għalamôt". Għanja.

2Kenn u qawwa hu Alla għalina, għajnuna kbira sibnieh fid-dwejjaq.

3Għalhekk ma nibżgħux jekk l-art titriegħed, jew jiġġarrfu l-muntanji f'nofs ta' baħar;

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

4anqas jekk jgħajtu u jogħlew ilmijietu, jew jitheżżu l-muntanji bit-tqanqil
tiegħu. Il-Mulej tal-eżerċti magħna, fortizza għalina Alla ta' Ġakobb!

5Hemm xmara li s-swieqi tagħha iferrħu l-belt ta' Alla, l-għamara qaddisa tal-Għoli.

6Hemm Alla f'nofsha, ma titħarrikx; jgħinha Alla mat-tbexbix tas-sebħ.

7Triegħdu l-ġnus, iġġarrfu s-saltniet, iddewbet l-art, malli samma' leħnu.

8Il-Mulej tal-eżerċti magħna, fortizza għalina Alla ta' Ġakobb!

9Ejjew, araw x'għamel il-Mulej, għemejjel tal-għaġeb fuq l-art.

10Iwaqqaf il-gwerer sa tarf l-art; l-ark jaqsam u l-lanza jkisser, jaħraq it-tarki
bin-nar, u jgħid:

11"Biżżejjed! Kunu afu li jien Alla, għoli fuq il-ġnus, għoli fuq l-art!"

12Il-Mulej tal-eżerċti magħna, fortizza għalina Alla ta' Ġakobb!

## Salmi 47

### Il-Mulej sultan tal-popli kollha

1Għall-mexxej tal-kor. Ta' wlied Koraħ. Salm.

2Popli kollha, ċapċpu idejkom, għajtu b'leħen ta' ferħ lil Alla!

3Għax il-Mulej, l-Għoli, hu tal-biża', sultan kbir fuq l-art kollha.

4Irażżan il-popli taħtna, il-ġnus iqiegħed taħt riġlejna.

5Hu jagħżlilna l-wirt tagħna, il-kburija ta' Ġakobb, il-maħbub tiegħu.

6Tela' Alla b'għajjat ta' ferħ, il-Mulej bid-daqq tat-trombi.

7Għannu lil Alla, għannu, għannu lis-sultan tagħna, għannu.

8Għax Alla s-sultan tal-art kollha: għannulu bis-sengħa għanja sabiħa.

9Isaltan Alla fuq il-ġnus kollha, joqgħod Alla fuq it-tron imqaddes tiegħu.

10Jinġemgħu l-kbarat tal-popli mal-poplu ta' Alla ta' Abraham. Għax ta' Alla
huma l-kapijiet tal-art; hu fl-għoli fuq kulħadd.

## Salmi 48

### Radd il-ħajr għall-ħelsien ta' Ġerusalemm

1Għanja. Salm ta' wlied Koraħ.

2Kbir il-Mulej, ta' min ifaħħru ħafna fil-belt ta' Alla tagħna. L-għolja qaddisa
tiegħu,

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

3għolja mill-isbaħ, l-għaxqa tal-art kollha. L-għolja ta' Sijon fil-qalba tat-
Tramuntana; hi l-belt tas-sultan il-kbir.

4Alla fil-fortizzi tagħha wera ruħu bħal sur qawwi.

5Ara, is-slaten ingħaqdu, imxew ilkoll flimkien;

6kif rawha, baqgħu mistagħġba, tfixklu u ħarbu.

7Hemm qabdithom rogħda kbira, u wġigħ bħal dak tal-ħlas.

8Bir-riħ tal-Lvant int tfarrak l-iġfna ta' Tarsis.

9Kif smajna, hekk rajna f'belt il-Mulej tal-eżerċti, fil-belt ta' Alla tagħna. Alla
jżommha sħiħa għal dejjem!

10Naħsbu, o Alla, fuq it-tjieba tiegħek f'nofs it-tempju tiegħek.

11Bħal ismek, o Alla, hekk tifħirek, sa truf l-art jasal. Il-leminija tiegħek bis-
sewwa mimlija.

12Tithenna l-għolja ta' Sijon, jifirħu l-bliet ta' Ġuda, minħabba l-ġudizzji tiegħek.

13Duru ma' Sijon, duru dawra magħha, araw kemm-il torri għandha.

14Harsu sewwa lejn is-swar tagħha, duru bir-reqqa l-fortizzi tagħha, biex
ixxandru lin-nisel ta' wrajkom:

15Dan hu Alla! Alla tagħna għal dejjem ta' dejjem. Hu jmexxina għal dejjem!

## Salmi 49

### Il-frugħa tal-għana tal-art

*1*Għall-mexxej tal-kor. Ta' wlied Koraħ. Salm.

2Isimgħu dan, popli kollha; agħtu widen, intom ilkoll li tgħixu fid-dinja;

3kemm iż-żgħar u l-kbar tal-poplu, kemm il-għonja u kemm il-fqar.

4Fommi jitkellem l-għerf, u nxandar il-fehmiet ta' qalbi.

5Nagħti widen għal kliem l-għerf; se nfisser fuq iċ-ċetra l-kliem tqil tiegħi.

6Għax għandi nibża' mill-jiem ħżiena, meta jdur għalija l-ħażen ta' dawk li
jonsbuni?

7F'ġidhom it-tama tagħhom; jiftaħru bil-kotra tal-għana tagħhom.

8Hadd ma jista' jifdi lilu nnifsu, jew jagħti lil Alla l-prezz tal-fidwa tiegħu.

9Għoli wisq il-prezz ta' ħajtu, qatt ma jkun biżżejjed,

10biex wieħed jgħix għal dejjem u ma jara qatt il-qabar.


© 2020 Malta Bible Society.

11Jara mqar l-għorrief imutu, l-iblah u l-belhieni lkoll jintemmu, u lil ta' wrajhom
iħallu ġidhom.

12Qabarhom hu darhom għal dejjem, għamara tagħhom minn nisel għal nisel,
għalkemm għamlu isem f'artijiethom.

13Imma l-bniedem ma jibqax fil-ġieħ, qisu bħall-bhejjem li jintemmu.

14Din xortih min jittama fih innifsu; hekk jintemm min jitgħaxxaq bi frugħatu.

15Bħan-nagħaġ lejn l-imwiet mexjin, il-mewt tkun ir-ragħaj tagħhom; dritt lejn
il-qabar jinżlu, jintemmu fl-imwiet bla ġieħ ta' xejn.

16Imma lili Alla jifdili ħajti, mis-setgħa tal-imwiet żgur jaħtafni.

17Tibżax meta xi ħadd jistagħna, meta joktor il-ġieħ ta' daru.

18Għax xejn ma jieħu f'mewtu, ġieħu ma jinżilx warajh.

19Imqar jekk f'ħajtu jħoss ruħu hieni, u jgħid li jfaħħruh għax jgħaddiha tajjeb;

20imur ukoll mal-ġemgħa ta' missirijietu, li qatt aktar ma jaraw id-dawl.

21Imma l-bniedem ma jibqax fil-ġieħ, qisu bħall-bhejjem li jintemmu.

## Salmi 50

### Is-sagrifiċċji li jogħġbu lil Alla

*1*Salm. Ta' Asaf,

Alla, il-Mulej Alla, tkellem u sejjaħ l-art. Minn fejn titla' x-xemx sa fejn tinżel,

2minn Sijon, il-ġmiel tagħha, Alla wera d-dija tiegħu.

3Ġej Alla tagħna, ma jibqax sieket; quddiemu nar li jeqred, madwaru tempesta
qalila.

4Hu jsejjaħ is-smewwiet mill-għoli u l-art, biex jagħmel ħaqq mill-poplu tiegħu:

5"Iġimgħu 'l ħbiebi quddiemi, li għamlu patt miegħi bis-sagrifiċċju."

6U jħabbru s-smewwiet il-ġustizzja tiegħu, għaliex Alla nnifsu jagħmel il-ħaqq.

7"Isma', poplu tiegħi, għax se nitkellem, Iżrael, għax se nixhed kontrik. Jiena Alla,
Alla tiegħek.

8Ma nċanfrekx għas-sagrifiċċji tiegħek; il-vittmi tiegħek maħruqa huma dejjem
quddiemi.

9Ma neħtieġ ebda għoġol minn tiegħek, jew gidjien mill-imrieħel tiegħek.

10Għax tiegħi huma l-bhejjem tax-xagħri, eluf huma l-bhejjem fuq l-għoljiet
tiegħi.


© 2020 Malta Bible Society.

11Jien nagħraf it-tjur kollha tal-ajru, taħt għajnejja kulma jimxi fir-raba'.

12Li kont bil-ġuħ, mhux se ngħid lilek, għax tiegħi l-art u kulma fiha.

13Huwa jien se niekol laħam il-gniedes, jew nixrob id-demm tal-gidjien?

14Agħti 'l Alla sagrifiċċju ta' radd il-ħajr, u rodd lill-Għoli l-wegħdiet tiegħek.

15Imbagħad sejjaħli f'jum id-dwejjaq; jien neħilsek, u int tweġġaħni."

16Lill-ħażin, imma, Alla jgħidlu: "Kif titkellem fuq il-kmandamenti tiegħi, u
żżomm fuq xufftejk il-patt tiegħi,

17int, li tobgħod it-twiddib, u tixħet kliemi wara dahrek?

18Jekk tiltaqa' ma' ħalliel, tissieħeb miegħu; sehmek taqsam maż-żienja.

19Fommok ftaħt għall-ħażen, u lsienek il-qerq jinseġ.

20Kontra ħuk toqgħod tpaċpaċ, kontra bin ommok tqassas.

21Dan int għamilt, u jien bqajt sieket; forsi ħsibt li jiena bħalek. Issa se nċanfrek,
u dan kollu nqiegħed quddiemek.

22Ifhmuha sewwa, intom li tinsew 'l Alla, li ma naħtafkomx, u ħadd ma jeħliskom.

23Min iroddli sagrifiċċju ta' radd il-ħajr, dan isebbaħni; lil min jimxi bis-sewwa
nurih is-salvazzjoni ta' Alla."

## Salmi 51

### Il-qalb niedma u sogħbiena

*1*Għall-mexxej tal-kor. Salm ta' David, *2*meta Natan il-profeta ġie għandu għax
hu kien resaq lejn Batseba.

3Ikollok ħniena minni, o Alla, fi tjubitek; fil-kobor tal-ħniena tiegħek ħassar
ħtijieti.

4Aħsilni kollni mill-ħtija tiegħi; naddafni mid-dnub tiegħi.

5Għax jien nagħrafhom ħtijieti; id-dnub tiegħi dejjem quddiemi.

6Kontrik biss jiena dnibt, u dak li hu ħażin f'għajnejk għamilt. Hekk jingħaraf is-
sewwa tal-kelma tiegħek, u bla tebgħa jidher il-ħaqq tiegħek.

7Ara, jiena ssawwart fil-ħtija, u fid-dnub nisslitni ommi.

8Int li tħobb il-qalb sinċiera, għallimni l-għerf fil-fond ta' qalbi.

9Roxxni bl-ilma, u nissaffa; aħsilni, u aktar mis-silġ nibjad.

10Agħmel li nisma' l-ferħ u l-hena, biex għadmi, li int sħaqt, jithenna.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

11Dawwar wiċċek minn ħtijieti; ħassar ħżuniti kollha.

12Oħloq fija qalb safja, o Alla, u spirtu qawwi ġedded fija.

13La twarrabnix minn quddiemek; tneħħix minni l-ispirtu qaddis tiegħek.

14Roddli l-hena tas-salvazzjoni tiegħek, u bi spirtu qalbieni wettaqni.

15Lill-midinbin ngħallem triqatek, u l-ħatjin lejk jerġgħu lura.

16Eħlisni mill-piena tal-mewt, o Alla, Alla tas-salvazzjoni tiegħi; u lsieni jfaħħar
il-ġustizzja tiegħek.

17Iftaħli xufftejja, Sidi, u fommi jxandar it-tifħir tiegħek.

18Għax lilek ma jogħġbokx is-sagrifiċċju; noffrilek vittmi maħruqa, u ma
tilqagħhomx.

19Is-sagrifiċċju tiegħi, o Alla, hu l-qalb niedma; qalb maqsuma u sogħbiena ma
twarrabhiex, o Alla.

20Agħmel il-ġid lil Sijon fi tjubitek; erġa' ibni l-ħitan ta' Ġerusalemm.

21Imbagħad tilqa' bil-qalb vittmi xierqa, sagrifiċċji ta' vittmi maħruqa u
mitmuma; imbagħad joffrulek għoġiela fuq l-artal tiegħek.

## Salmi 52

### L-ilsien qarrieq

*1*Għall-mexxej tal-kor. Maskil. Ta' David, *2*meta Duweg ta' Edom ġie għand Sawl
u qallu: "David wasal f'dar Aħimelek."

3Xi trid tiftaħar, bniedem b'saħħtek, bi ħżunitek kontra t-twajjeb?

4Dejjem ħsiebek kif tagħmel id-deni, ilsienek bħal xafra taqta', ja qarrieq!

5Tħobb il-ħażen aktar mit-tajjeb, u l-gideb aktar mis-sewwa.

6Tħobb kull xorta ta' kliem ta' ħsara, ilsien qarrieq!

7Imma Alla jxejnek għal dejjem, jaħtfek u jaqilgħek 'il barra minn għamartek,
jeqirdek minn art il-ħajjin.

8Il-ġusti mbagħad iħarsu miblugħa, jidħku bih u jgħidu:

9"Araw il-bniedem li m'għamilx 'l Alla fortizza tiegħu, imma ttama fl-għana kbir
tiegħu, qiegħed f'ġidu l-qawwa tiegħu!"

10Imma jien, bħal siġra taż-żebbuġ li tħaddar fid-dar ta' Alla, nittama fit-tjieba ta'
Alla għal dejjem ta' dejjem.


© 2020 Malta Bible Society.

11Infaħħrek għal dejjem għax dan int għamiltu; inxandar ismek quddiem
ħbiebek, għax hu tajjeb.

## Salmi 53

### Il-bniedem mingħajr Alla

*1*Għall-mexxej tal-kor. Fuq "Maħalat". Maskil. Ta' David.

2Jgħid l-iblah f'qalbu: "M'hemmx Alla!" Tħassru l-bnedmin, għamlu ħwejjeġ ta'
min jistmellhom; m'hemm ħadd li jagħmel is-sewwa.

3Alla mis-sema jittawwal fuq il-bnedmin, biex jara jekk hemmx min hu għaqli,
min ifittex lil Alla.

4Ilkoll intilfu, ilkoll flimkien tħażżnu; ħadd ma jagħmel is-sewwa, anqas biss
wieħed.

5Ma jintebħux dawk kollha li jagħmlu l-ħażen, dawk li qatt ma jsejħu lil Alla? li
jaħtfu l-poplu tiegħi kif wieħed jaħtaf il-ħobż, u lil Alla ma jsejħux?

6Biża' kbir waqa' fuqhom, bla ma kellhom għalfejn; għax Alla kissrilhom
għadamhom lil dawk li dawruk; tħawdu, għax Alla telaqhom.

7Min iġib minn Sijon il-ħelsien ta' Iżrael? Meta jerġa' jqajjem Alla l-poplu tiegħu,
jifraħ Ġakobb, jithenna Iżrael.

## Salmi 54

### Talba għall-ħelsien mill-għedewwa

*1*Għall-mexxej tal-kor. Fuq l-istrumenti tal-korda. Maskil. Ta' David, *2*meta n-
nies ta' Żif ġew jgħidu lil Sawl: "David moħbi fostna."

3B'ismek, o Alla, salvani; agħmilli ħaqq bil-qawwa tiegħek.

4Isma', o Alla, it-talba tiegħi; agħti widen għal kliem fommi.

5Għax nies kburin qamu kontrija, nies kefrin jonsbuli ħajti; ma jżommux 'l Alla
quddiem għajnejhom.

6Ara, Alla l-għajnuna tiegħi; il-Mulej hu dak li jżommni.

7Hu jdawwar id-deni għal fuq l-għedewwa tiegħi. Għall-fedeltà tiegħek
eqridhom, Mulej!

8Minn qalbi noffrilek is-sagrifiċċju; irrodd ħajr lil ismek, għax hu tajjeb.

9Għax minn kull hemm ħelisni l-Mulej; jitpaxxew għajnejja bl-għedewwa
mirbuħa.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

# Salmi 55

### Ħabib fost l-għedewwa

1Għall-mexxej tal-kor. Fuq l-istrumenti tal-korda. Maskil. Ta' David.

2Agħti widen, o Alla, għat-talba tiegħi, titwarrabx mit-talb umli tiegħi.

3Ismagħni u weġibni, m'għandix mistrieħ fid-dwejjaq tiegħi!

4Nirtogħod bil-biża' għall-ħoss tal-għedewwa, minħabba l-għajjat tal-ħżiena; għax huma jġibu fuqi l-ħsara, fl-għadab tagħhom jeħduha kontrija.

5Qalbi tinfena ġewwa fija, biża' tal-mewt waqa' fuqi.

6Biża' u tregħid jiġu fuqi, u twerwir jaħkimni.

7U ngħid: "Mhux li kelli l-ġwienaħ bħal ħamiema, biex intir u mmur nistrieħ!

8Kont 'il bogħod immur niġġerra, u fid-deżert insib fejn noqgħod.

9Kont malajr insib fejn nistkenn mir-riħ qawwi u r-riefnu."

10Eqridhom, Sidi, ħawdilhom kliemhom, għax dnewwa u ġlied fil-belt qiegħed nara.

11Lejl u nhar jiġġerrew fuq il-ħitan tagħha, fiha m'hemmx ħlief ħsara u dwejjaq.

12Il-ħerba tinsab ġo nofsha, moħqrija u qerq ma jwarrbux mill-misraħ tagħha.

13Mhuwiex xi għadu dak li jċanfarni; li kien hekk, kont nissaporti. Mhux xi wieħed kontrija dak li jkasbarni; li kien hekk, kont ninħeba minnu.

14Imma int, wieħed bħali, sieħbi u ħabib tal-qalb,

15li kont nitgħaxxaq nitkellem miegħek, ħaġa waħda konna nkunu fid-dar ta' Alla.

16Ħa taqa' l-mewt fuqhom, ħa jinżlu ħajjin fl-imwiet, għax il-ħażen jgħammar fosthom.

17Imma jien lil Alla nsejjaħ, u l-Mulej isalvani.

18Filgħaxija, filgħodu u f'nofsinhar nokrob u nitniehed; u hu jisma' l-leħen tiegħi.

19Jeħlisli 'l ħajti fis-sliem mill-ġlied li qajmu kontrija, għax ħafna huma li ħabtu għalija.

20Alla jismagħni u jrażżanhom, hu li qiegħed fuq it-tron minn dejjem; għax huma ma jridux jindmu, ma għandhomx il-biża' ta' Alla.

21Idu rafa' kontra ħbiebu, kiser il-ftehim tiegħu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

22Aktar mill-butir hu ħelu fommu, imma qalbu bil-ġlied mimlija. Aktar miż-żejt hu artab kliemu, imma hu bħal sejf mislut.

23Ħalli xortik f'idejn il-Mulej, u hu jgħinek u jwieżnek; hu qatt ma jħalli l-ġust jitfixkel.

24U int, o Alla, itfagħhom fil-ħofra tat-telfien. Nies tad-demm u tal-qerq, ma jgħixux nofs ħajjithom! Imma jien fik nittama.

## Salmi 56

### Alla magħna fit-tiġrib

*1*Għall-mexxej tal-kor. Fuq "Il-ħamiema tal-ballut imbiegħed". Miktam. Ta' David, meta nqabad mill-Filistin f'Gatt.

2Ħenn għalija, o Alla, għax qegħdin ikasbruni, il-jum kollu jagħmlu għalija u jagħfsu fuqi.

3Il-jum kollu jkasbruni l-għedewwa tiegħi, għax ħafna huma dawk li jeħduha miegħi.

4Fik, Alla l-Għoli, jien nittama, meta jkolli għal xiex nibża'.

5Bl-għajnuna ta' Alla nfaħħar kelmtu; f'Alla nafda, m'għandix għax nibża'; x'jista' jagħmilli l-bniedem?

6Il-jum kollu jqassu u jgħidu fuqi, ħsiebhom biss kif jagħmluli l-ħsara.

7Jinġemgħu flimkien u jistaħbew, jgħassu l-mixi tiegħi, bit-tama li jneħħuli ħajti.

8Għall-ħażen tagħhom ħallashom int, o Alla; bl-għadab tiegħek xejjen il-popli.

9Int għaddejt kull ċaqliqa tiegħi; iġma' fi flixkun id-dmugħ tiegħi. Mhuwiex dan fil-ktieb tiegħek?

10Imbagħad jerġgħu lura l-għedewwa tiegħi, meta jiena nsejjaħlek. Dan jien naf, li Alla hu miegħi.

11Bl-għajnuna ta' Alla nfaħħar kelmtu; bl-għajnuna tal-Mulej infaħħar kelmtu.

12F'Alla nitma, m'għandix għax nibża'; x'jista' jagħmilli l-bniedem?

13O Alla, jien marbut bil-wegħdiet tiegħek; għalhekk irroddlok sagrifiċċji ta' tifħir.

14Għax mill-mewt int ħlistli 'l ħajti u 'l riġli mill-waqgħa, biex nimxi quddiem Alla fid-dawl tal-ħajjin.

## Salmi 57


© 2020 Malta Bible Society.

### Min jafda f'Alla ma jibża' minn xejn

*1*Għall-mexxej tal-kor. Fuq "La teqridx". Miktam. Ta' David meta ħarab minn quddiem Sawl u nħeba fl-għar.

2Henn għalija, o Alla, ħenn għalija, għax fik jiena nsib il-kenn tiegħi; għad-dell ta'
ġwenħajk nistkenn, sakemm jgħaddi l-hemm minn fuqi.

3Insejjaħ lil Alla l-Għoli, lil Alla, li jieħu ħsiebi.

4Jibgħat mis-sema u jsalvani; jitfa' l-għajb fuq min jgħaffiġni; jibgħat Alla t-tjieba
u l-fedeltà tiegħu.

5Ninsab mimdud qalb l-iljuni, li jaħtfu lill-bnedmin; snienhom lanez u vleġeġ, u
lsienhom sejf misnun.

6Ogħla 'l fuq mis-smewwiet, o Alla! Uri l-glorja tiegħek fuq l-art kollha!

7Xibka ħejjewli fil-mogħdija; għal ftit ma waqajtx fiha. Hofra ħaffruli quddiemi,
iżda huma waqgħu fiha.

8Sħiħa qalbi, o Alla, sħiħa qalbi; ħa ngħanni u ninseġ għanja:

9"Qum, ruħ tiegħi, qum, arpa u ċetra! Ha nqajjem sbieħ il-jum!"

10Infaħħrek, Sidi, fost il-popli, ngħannilek fost il-ġnus;

11għax m'ogħla s-smewwiet it-tjieba tiegħek, sas-sħab il-fedeltà tiegħek.

12Ogħla 'l fuq mis-smewwiet, o Alla! Uri l-glorja tiegħek fuq l-art kollha!

## Salmi 58

### Kundanna tal-imħallfin ħżiena

*1*Għall-mexxej tal-kor. Fuq "La teqridx". Ta' David. Miktam.

2Intom, kbarat, qegħdin tagħmlu ħaqq sewwa? Qegħdin tiġġudikaw sewwa l-
bnedmin?

3Le, anzi f'qalbkom il-ħażin taħsbu, fuq l-art dnewwa jxerrdu jdejkom.

4Minn ġuf ommhom il-ħżiena qabdu triq ħażina, minn twelidhom żbaljaw dawk
li jgħidu l-gideb.

5Għandhom semm bħal dak tas-serp, bħal tal-lifgħa truxa, li ssodd widnejha,

6biex ma tismax is-sejħa tas-saħħar, imqar jekk isaħħar b'sengħa kbira.

7O Alla, farrkilhom snienhom f'ħalqhom, kisser dras il-frieħ tal-iljun, Mulej.

8Ha jgħibu bħal ilma li jintrema, bħal ħaxix jintrifsu u jinxfu.


© 2020 Malta Bible Society.

9Ikunu bħal bebbuxu li jinxef u jintemm, bħal tarbija barra minn żmienha li ma tarax ix-xemx.

10Qabel ma tinħass is-sħana tax-xewk jaqbad, ħajjin ikaxkarhom bis-saħna ta' għadbu.

11Jifraħ il-ġust xħin jara l-ħaqq iseħħ, saqajh jaħsel fid-demm tal-ħżiena.

12U kulħadd jgħid: "Tassew hemm ħlas tajjeb għall-ġust; tassew li hemm Alla jagħmel ħaqq fuq l-art."

## Salmi 59

### Talba għall-ħelsien mill-għedewwa

1Għall-mexxej tal-kor. Fuq "La teqridx." Miktam. Ta' David, meta Sawl bagħat in-nies jgħassulu f'daru biex joqtlu.

2Eħlisni mill-għedewwa, o Alla tiegħi, ħarisni minn dawk li jqumu għalija.

3Eħlisni minn dawk li jagħmlu l-ħażen, salvani min-nies qattiela.

4Għax huma jinħbew biex jonsbuli ħajti, nies qalila jinġemgħu kontrija; u dan, Mulej, bla tort u bla ħtija tiegħi.

5aGħalkemm jien bla ħtija, huma jiġru u jlestu għalija.

6aImma int, Mulej tal-eżerċti, Alla ta' Iżrael,

5bqum, ejja u ara b'għajnejk.

6bStenbaħ biex tħallas il-ġnus kollha; la tħennx għal min jagħmel il-ħażen bil-qerq.

7Jersqu kull filgħaxija, jinbħu bħal klieb, jiġġerrew 'l hawn u 'l hemm mal-belt.

8Arahom, kliemhom ibaqbaq fuq fommhom, kliem li jniggeż fuq xufftejhom. "Min se jismagħna?" huma jgħidu.

9Imma int, Mulej, tidħak bihom, il-ġnus kollha biċ-ċajt teħodhom.

10Qawwa tiegħi, jiena lilek nistenna, għax inti, Alla, fortizza tiegħi.

11Alla tiegħi, imħabba tiegħi, jiġi jilqagħni; jurini Alla l-għedewwa tiegħi mirbuħa.

12Eqridhom, o Alla, biex ma jinsiekx il-poplu tiegħi, ferrixhom u xejjinhom bil-qawwa tiegħek; int, Sidi, it-tarka tagħna!

13Għal dnub fommhom u għal kliem xufftejhom jinqabdu fi kburithom; għall-kliem ta' saħta u ta' gideb jinsteħtu.


© 2020 Malta Bible Society.

14 Temmhom b'qilltek, temmhom biex ma jkunux iżjed, biex kulħadd jagħraf li Alla jaħkem fuq Ġakobb sa trufijiet l-art.

15 Jersqu kull filgħaxija, jinbħu bħal klieb, jiġġerrew 'l hawn u 'l hemm mal-belt.

16 Jiġġerrew u jimirħu biex isibu x'jieklu; u jekk ma jixbgħux, tismagħhom jinbħu.

17 Iżda jien ngħanni lill-qawwa tiegħek; ngħanni ferħan filgħodu fit-tjieba tiegħek għax int sirt fortizza għalija, kenn tiegħi f'jum id-dwejjaq.

18 Qawwa tiegħi, lilek ferħan ngħanni; għax inti, Alla, fortizza tiegħi, Alla tiegħi, imħabba tiegħi!

## Salmi 60

### Fiduċja f'Alla wara t-telfa

*1* Għall-mexxej tal-kor. Fuq "Susân Għedût". Miktam. Ta' David. Għat-
tagħlim. *2* Meta David ħadha kontra Aram-Naħarajm u kontra Aram-Soba; u
meta Ġowab, hu u ġej lura, qatel tnax-il elf min-nies ta' Edom f'Wied il-Melħ.

3 O Alla, inti warrabtna u kissirtna, għadabt għalina; erġa' dur lejna!

4 Int heżżiżt l-art u xaqqaqtha; sewwi l-qsim tagħha, għax saret ħerba.

5 Urejt l-iebes lill-poplu tiegħek, sqejtna nbid li jsakkar.

6 Waqqaft stendard għal dawk li jibżgħu minnek, biex lejh jaħarbu u jitbiegħdu mill-ark,

7 biex ikunu meħlusa l-għeżież tiegħek; għinna bil-leminija tiegħek u weġibni!

8 Tkellem Alla fis-santwarju tiegħu: "Ferħan nieħu b'sehmi lil Sikem, nagħmel oqsma mill-wied ta' Sukkot.

9 Tiegħi hu Gilgħad, tiegħi Manassi, Efrajm hu l-elmu ta' rasi, u Ġuda x-xettru tiegħi.

10 Mowab lenbija fejn ninħasel, fuq Edom inqiegħed il-qorq tiegħi, fuq Filistja nifraħ rebbieħ!"

11 Min se jwassalni fil-belt bis-swar? Min se jeħodni sa Edom?

12 Mhux int, o Alla, li warrabtna, u li m'għadekx toħroġ mal-eżerċti tagħna?

13 Agħtina l-għajnuna kontra l-għadu; għax xejn ma tiswa l-għajnuna tal-bniedem.

14 Bl-għajnuna ta' Alla nuru ħilitna; hu li jisħaq l-għedewwa tagħna.

## Salmi 61

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

### Talba ta' wieħed itturufnat

1Għall-mexxej tal-kor. Bl-istrumenti tal-korda. Ta' David.

2Isma', o Alla, l-għajta tiegħi, agħti widen għat-talba tiegħi.

3Minn truf l-art lilek insejjaħ, meta nkun qalbi maqtugħa; minn hemm inti mexxini lejn il-fortizza fuq l-għolja.

4Għax int sirt kenn għalija, torri qawwi quddiem l-għadu.

5M'hux li kont ngħix f'għamartek għal dejjem, nistkenn għas-satra ta' ġwenħajk!

6Għax int, o Alla, smajt il-wegħda tiegħi, u tajtni l-wirt ta' min iqim lil ismek.

7Lis-sultan kattarlu ż-żmien ta' ħajtu; ikunu snin ħajtu minn nisel għal nisel.

8Isaltan quddiem Alla għal dejjem. Agħmel li jħarsuh it-tjieba u l-fedeltà.

9Hekk infaħħar ismek għal dejjem, jien u rrodd kuljum il-wegħdiet tiegħi.

## Salmi 62

### It-tama tagħna f'Alla wieħed

1Għall-mexxej tal-kor. Fuq "Ġedutun." Salm. Ta' David.

2F'Alla biss il-mistrieħ ta' ruħi: mingħandu tiġini s-salvazzjoni.

3Hu biss il-blata u s-salvazzjoni tiegħi, hu l-kenn tiegħi; xejn ma jċaqlaqni.

4Kemm se ddumu teħduha kontra wieħed waħdu, biex taqilbuh ilkoll flimkien, bħal ċint qed jiġġarraf, bħal ħajt qed jaqa'?

5Ħsiebhom biss biex iwaqqgħuh mill-għoli tiegħu; iħobbu l-gideb; b'fommhom ibierku, imma f'qalbhom jisħtu.

6F'Alla biss il-mistrieħ ta' ruħi, għax mingħandu tiġini t-tama.

7Hu biss il-blata u s-salvazzjoni tiegħi, hu l-kenn tiegħi; xejn ma jċaqlaqni.

8F'Alla s-salvazzjoni u l-ġieħ tiegħi, hu l-blata qawwija tiegħi, u l-kenn tiegħi f'Alla.

9Ittama fih f'kull żmien, o poplu; iftħu qalbkom quddiemu. Alla hu kenn għalina!

10Duħħan biss huma l-bnedmin, gidba huma wlied il-bniedem. Fil-miżien 'il fuq jogħlew, eħfef mid-duħħan ilkoll flimkien.

11Isserrħux raskom bis-serq, tittamawx fi ħwejjeġ maħtufa; imqar jekk joktor l-għana, torbtux qalbkom miegħu.

12Haġa waħda qal Alla, jien dawn it-tnejn tgħallimt: li "l-qawwa hi ta' Alla",


© 2020 Malta Bible Society.

13u li “tiegħek, Sidi, hi t-tjieba”. Għax int tagħti ’l kulħadd skont għemilu.

## Salmi 63

### Xewqa kbira għal Alla

1Salm. Ta’ David, meta kien fid-deżert ta’ Ġuda.

2Alla, Alla tiegħi int; lilek ħerqan infittex. Ruħi bil-għatx għalik, għalik imxennaq jiena, bħal art niexfa, maħruqa, bla ilma.

3Għalhekk ġejt narak fit-tempju mqaddes tiegħek, biex nitgħaxxaq bis-setgħa u l-glorja tiegħek.

4Għax it-tjieba tiegħek aħjar mill-ħajja, xufftejja jxandru t-tifħir tiegħek.

5Għalhekk inbierkek tul ħajti kollha; ngħolli idejja u nsejjaħ ismek.

6Bħal b’ikel mill-aħjar li jsemmen nimtela, u jgħannilek fommi b’xufftejn ferrieħa,

7meta, mimdud fuq friexi, fik niftakar, u naħseb fuqek fis-sahriet tal-lejl.

8Għax int kont għajnuna għalija, għad-dell ta’ ġwenħajk ngħanni bil-ferħ.

9Miegħek tingħaqad ruħi, int tweżinni bil-leminija tiegħek.

10Dawk li jfittxu jneħħuli ħajti jinżlu fil-qiegħ nett tal-art.

11Taħt is-setgħa tas-sejf jaqgħu, isiru ikel għall-klieb selvaġġi.

12Imma s-sultan f’Alla jifraħ; jiftaħar kull min jaħlef bih; imma jintebaq fomm il-giddieba.

## Salmi 64

### Il-kastig tal-ilsna ħżiena

1Għall-mexxej tal-kor. Salm ta’ David.

2Isma’, o Alla, leħen it-tnehid tiegħi; mill-biża’ tal-għadu ħarisli ħajti.

3Aħbini mill-konfoffa tal-ħżiena, mit-tixwix ta’ dawk li jagħmlu l-ħażen,

4dawk li jsinnu bħal sejf ilsienhom, jitfgħu kliem iebes bħal vleġeġ,

5biex mill-moħba jolqtu ’l min hu bla ħtija, jolqtuh għal għarrieda, bla biża’ ta’ xejn.

6Moħħhom sħiħ fil-ħsieb ħażin tagħhom, jiftiehmu kif jonsbu bil-moħbi, u jgħidu: “Min se jarana?”

7Ifittxu l-ħażen, ifasslu pjan maħsub sewwa. Min jifhem moħħ u qalb il-bniedem?

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

8Imma Alla bil-vleġeġ jolqothom; f'daqqa waħda jimtlew kollhom ġrieħi.

9Minħabba lsienhom isiru ħerba; kull min jarahom iħarrek rasu.

10U lkoll jimtlew bil-biża' ta' Alla, u għemilu jxandru, u jifhmu sewwa kulma
għamel.

11Jifraħ il-ġust fil-Mulej u fih jistkenn; jiftaħru dawk kollha ta' qalbhom safja.

## Salmi 65

### Radd il-ħajr għall-ġid tas-sema

*1*Għall-mexxej tal-kor. Salm ta' David. Għanja.

2Tifħir lilek jistħoqq, o Alla, f'Sijon; lilek irroddu l-wegħda,

3int, li tisma' talbna.

4Quddiemek jersaq kull bniedem, minħabba fi ħtijietu. Kbar wisq għalina
dnubietna; iżda inti taħfirhomlna.

5Hieni l-bniedem li inti tagħżel u tqiegħdu jgħammar fit-tempju tiegħek. Bil-ġid
ta' darek nixbgħu fit-tempju mqaddes tiegħek.

6Tal-għaġeb kif tweġibna bil-ġustizzja tiegħek, o Alla tas-salvazzjoni tagħna. Int
tama ta' min jgħix fi truf l-art u fi gżejjer fl-ibħra mbiegħda.

7Int twaqqaf fis-sod il-muntanji b'qawwietek, int imħażżem bis-saħħa.

8Int issikket l-għajjat tal-ibħra, u l-ħsejjes tal-imwieġ tagħhom, u t-tixwix tal-
popli.

9U jibżgħu dawk li jgħammru fi truf l-art quddiem l-għeġubijiet tiegħek. Il-Lvant
u l-Punent inti timliehom bil-ferħ.

10Inti żżur l-art u ssaqqiha, u tagħniha bil-ġid tiegħek. Il-wied ta' Alla mimli bl-
ilma; il-qamħ tagħhom ħejjejtilhom.

11Hekk int tħejjiha: issaqqi r-raddiet u twitti t-tub tagħha, bl-irxiex trattabha u
tberkilha ż-żrieragħ.

12Fawwart is-sena bi tjubitek, triqatek bil-ġid joqtru.

13Joqtru bin-nida l-mergħat tad-deżert, u bil-ferħ jitħażżmu l-għoljiet.

14Il-mergħat jimtlew bl-imrieħel, il-widien jinksew bil-qamħ; jgħajtu lkoll u
jgħannu bil-ferħ!

## Salmi 66

### Ferħ, tifħir u ħajr

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

1Għall-mexxej tal-kor. Għanja. Salm.

Għajtu bil-ferħ lil Alla, bnedmin tad-dinja kollha;

2għannu s-sebħ ta' ismu, xandru s-sebħ u t-tifħir tiegħu.

3Għidu lil Alla: "Kemm int tal-biża' f'għemilek! Għall-kobor tal-qawwa tiegħek jitilfu l-ħila quddiemek l-għedewwa tiegħek.

4L-art kollha tagħtik qima, tgħannilek u tgħanni lil ismek."

5Ejjew, araw l-għemejjel ta' Alla; tal-biża' f'għemilu fost il-bnedmin.

6Biddel il-baħar f'art niexfa, għaddew bil-mixi minn nofs ix-xmara. Għalhekk, nifirħu bih!

7Hu jsaltan bil-kobor tiegħu għal dejjem; b'għajnejh fuq il-ġnus jgħasses; ma jerfgħux rashom in-nies xewwiexa.

8Bierku, popli, lil Alla tagħna, semmgħu l-għana tat-tifħir tiegħu.

9Hu li jżommna fost il-ħajjin, u ma jħallix riġlejna jogħtru.

10Għax int, o Alla, ġarrabtna, għaddejtna mill-prova bħall-fidda.

11Ħallejtna naqgħu fix-xibka, issikkajtilna bi ħżiem ġenbejna.

12Ħallejt in-nies jirkbu fuq rasna, għaddejtna min-nar u mill-ilma; iżda mbagħad ħriġtna fil-wisa'.

13Nidħol f'darek bil-vittmi maħruqa, intemm il-wegħdiet li għamiltlek;

14il-wegħdiet li tennew xufftejja, u fommi wiegħed fl-hemm tiegħi.

15Sagrifiċċji ta' bhejjem imsemmna, duħħan ifuħ ta' ħrief maħruqa, mogħoż u gniedes inħejjilek.

16Ejjew, isimgħu, u ngħidilkom, intom ilkoll li tibżgħu minn Alla, ngħidilkom x'għamel miegħi.

17Lilu sejjaħ fommi, tifħiru kien fuq ilsieni.

18Kieku żammejt il-ħażen f'qalbi, ma kienx jismagħni Alla Sidi.

19Iżda Alla tassew semagħni, ta widen għat-talba tiegħi.

20Imbierek Alla, li ma warrabx it-talba tiegħi; ma warrabx minn fuqi t-tjieba tiegħu!

## Salmi 67

### Ħa jfaħħru l-popli lil Alla

1Għall-mexxej tal-kor. Bl-istrumenti tal-korda. Salm. Għanja.


© 2020 Malta Bible Society.

2Iħenn għalina Alla, u jberikna; idawwar għal fuqna d-dija ta' wiċċu!

3Biex jingħarfu fuq l-art triqatek, fost il-ġnus kollha s-salvazzjoni tiegħek.

4Ifaħħruk il-popli, o Alla, ifaħħruk il-popli kollha.

5Jithennew il-ġnus u jgħannu bil-ferħ, għax trieġi l-popli bis-sewwa, u l-ġnus fuq l-art inti tmexxihom.

6Ifaħħruk il-popli, o Alla, ifaħħruk il-popli kollha.

7L-art tat il-frott tagħha; iberikna Alla, Alla tagħna!

8Iberikna Alla, u tibża' minnu l-art kollha minn tarf għall-ieħor!

## Salmi 68

### Il-Mulej jidħol rebbieħ f'Sijon

*1*Għall-mexxej tal-kor. Salm ta' David. Għanja.

2Iqum Alla! Jixxerrdu l-għedewwa tiegħu; jaħarbu minn quddiemu dawk li jobogħduh.

3Bħalma d-duħħan mar-riħ jixtered, bħalma jdub ix-xama' quddiem in-nar, hekk jinqerdu l-ħżiena quddiem Alla.

4Imma l-ġusti jithennew quddiem Alla, jifirħu u jaqbżu bil-ferħ.

5Għannu lil Alla, faħħru ismu, wittu t-triq lil dak li ġej riekeb fuq is-sħab. Tgħaxxqu fil-Mulej, aqbżu bil-ferħ quddiemu.

6Missier l-iltiema u difensur tar-romol, hekk hu Alla fl-għamara mqaddsa tiegħu.

7Alla jagħti d-dar lil dawk li huma weħidhom, u lill-ħabsin bir-rizq joħroġhom; imma s-suppervi telaqhom jgħammru fid-deżert jikwi.

8O Alla, int u ħiereġ quddiem il-poplu tiegħek, int u tiela' mid-deżert,

9triegħdet l-art, u sa s-smewwiet inħallu quddiem Alla tas-Sinaj, quddiem il-Mulej, Alla ta' Iżrael.

10Xita bil-kotra inti bgħatt, o Alla, fuq l-art, wirt tiegħek, u meta kienet bil-għatx inti ħjejtha.

11Il-poplu tiegħek għammar fiha, fi tjubitek, o Alla, għall-fqajjar ħejjejtha.

12Il-Mulej Sidi jagħti ordni, u ħafna huma n-nisa li jagħtu l-bxara:

13a"Ħarbu, ħarbu s-slaten bl-eżerċti!

14aX'intom titnikkru qalb l-imrieħel?


© 2020 Malta Bible Society.

13bIn-nisa tad-dar qegħdin jaqsmu l-priża,

14bsbieħ bħal ħamiema bi ġwienaħ bħall-fidda,

14cb'rixha mżejjen b'deheb safrani.

15Meta Alla li jista' kollox ferrex is-slaten, xita ta' silġ niżlet fuq Salmon."

16Għolja ta' Alla hi l-għolja ta' Basan, għolja b'ħafna qċaċet hi l-għolja ta' Basan.

17Imma għax tħares bl-għira, għolja ta' ħafna qċaċet, lejn l-għolja li Alla
għażel b'għamartu? Fiha jgħoġbu joqgħod il-Mulej għal dejjem.

18L-imriekeb tal-Mulej eluf ta' eluf; bihom ġie Sidi mis-Sinaj għas-santwarju.

19Int tlajt fil-għoli, bl-ilsiera warajk, bnedmin int ħadt b'għotjiet tiegħek, imqar
dawk li ma ridux joqogħdu għalik, Mulej Alla.

20Imbierek Sidi l-Mulej minn jum għal ieħor! Jieħu ħsiebna Alla, is-salvatur
tagħna.

21Alla tagħna hu Alla li jsalvana; il-Mulej Sidna mill-mewt jeħlisna.

22Alla jfarrak l-għedewwa tiegħu, ikisser ir-ras ta' min jimxi bil-ħażen.

23Qal Sidi l-Mulej: "Minn Basan inġibhom, lura nġibhom minn qiegħ il-baħar,

24biex tgħaddas riġlek f'demmhom, u l-għedewwa tiegħek jikluhom il-klieb."

25Tfaċċa d-dħul tiegħek, o Alla, fis-santwarju, id-dħul ta' Alla tiegħi, is-sultan
tiegħi.

26L-għannejja quddiem, l-istrumenti wara, f'nofshom it-tfajliet bit-tanburlin:

27"Bierku 'l Alla fil-laqgħat tagħkom; bierku l-Mulej fil-ġemgħat ta' Iżrael."

28Quddiem miexi Benjamin, l-iżgħar fost it-tribù, il-kapijiet ta' Ġuda bi ħġarhom,
il-kapijiet ta' Żebulun, il-kapijiet ta' Naftali.

29Ibgħat, o Alla, il-qawwa tiegħek, wettaq, o Alla, dik il-qawwa li ħaddimt
għalina.

30Lejn it-tempju tiegħek f'Ġerusalemm, għalik is-slaten iġibu l-għotjiet.

31Ċanfar dik il-bhima fil-qasab tan-Nil, dawk il-popli, bħal qabda gniedes bl-
għoġiela tagħhom, sa ma jumiljaw ruħhom u jiġuk b'rigali tal-fidda; ferrex il-
popli li jħobbu l-gwerer.

32Ħa jiġu l-kbarat mill-Eġittu; tiftaħ l-Etjopja idejha lejn Alla.

33Slaten tal-art, għannu lil Alla, faħħru bid-daqq lil Sidi l-Mulej:

34lil dak li jirkeb fuq is-smewwiet, fuq is-smewwiet ta' dejjem. Arawh! Se
jsamma' leħnu, leħen qawwi:


© 2020 Malta Bible Society.

35“Agħrfu l-qawwa ta’ Alla!” Fuq Iżrael il-kobor tiegħu; fis-smewwiet il-qawwa
tiegħu.

36Tal-biża’ Alla fis-santwarju tiegħu! Hu Alla ta’ Iżrael, li jagħti qawwa u ħila lill-
poplu tiegħu. Imbierek Alla!

## Salmi 69

### Tnehid f’hemm kbir

1Għall-mexxej tal-kor. Fuq “Il-Ġilji”. Ta’ David.

2Salvani, o Alla, għax l-ilma laħaq sa griżmejja.

3Sibt ruħi mgħaddas f’ħama fond; ma hemmx fejn inserraħ riġlejja. Sibt ruħi
f’ilma għoli; il-mewġ qed ikaxkarni.

4Ma niflaħx ngħajjat iżjed, griżmejja nħanqu; tgħammxu għajnejja, jien u
nistenna ’l Alla tiegħi.

5Dawk li għal xejn jobogħduni huma iżjed mix-xagħar ta’ rasi; dawk li bil-gideb
jixluni huma b’saħħithom aktar minn għadmi; ġagħluni rrodd dak li ma sraqtx.

6Int, o Alla, taf bil-bluha tiegħi; ħtijieti mhumiex moħbija minnek.

7Ma jinfixilx minħabba fija min jittama fik, Mulej tal-eżerċti; ma jistħix minħabba
fija min ifittex lilek, Alla ta’ Iżrael.

8Għax minħabba fik qiegħed nilqa’ t-tmaqdir, u l-mistħija tiksili wiċċi.

9Sirt barrani għal ħuti; ulied ommi ma jagħrfunix.

10Għax il-ħeġġa għal darek fnietni, it-tagħjir ta’ min jgħajjar lilek waqa’ fuqi.

11Għakkist bis-sawm lili nnifsi, u swieli biss biex żebilħuni.

12L-ixkora li tfajt fuqi bi lbiesi ġibdet fuqi t-tpaċpiċ tagħhom.

13Jgħidu fuqi bilqiegħda f’bieb il-belt; jixorbu l-inbid u jgħannu fuqi.

14Imma jien lilek nitlob, Mulej; meta jogħġbok, o Alla, weġibni, fil-kobor ta’
tjubitek u skont il-wegħda tas-salvazzjoni tiegħek.

15Aqlagħni mill-ħama u ma nibqax nieżel; ħarisni minn min jobgħodni u eħlisni
mill-ilma fond.

16Tħallix iġorrni l-ilma, jew jiblagħni d-dagħbien, u jingħalaq fuqi l-bir!

17Weġibni, Mulej, għax mill-aħjar tjubitek; dur lejja fil-kobor tal-ħniena tiegħek.

18Taħbix wiċċek mill-qaddej tiegħek; fittex weġibni, għax ninsab fil-hemm.

19Ersaq qrib lejja u ifdini; eħlisni minħabba l-għedewwa tiegħi.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

20Int taf bit-tkasbir u l-mistħija u l-għajb tiegħi; quddiemek huma l-għedewwa
kollha tiegħi.

21It-tagħjir qasamli qalbi u fnieni; fittixt min jagħdirni, u ma sibt 'il ħadd; u min
ifarraġni, u ma kelli 'l ħadd.

22Tawni b'ikel il-velenu; sqewni l-ħall meta kont bil-għatx.

23Tkun il-mejda tagħhom xibka quddiemhom, u sħabhom stess in-nassa
tagħhom.

24Jiddallmu għajnejhom biex ma jarawx, jirtogħdu f'ġenbejhom għal dejjem.

25Ixħet fuqhom il-qilla tiegħek; jaħkimhom l-għadab imħeġġeġ tiegħek.

26Isiru ħerba l-għamajjar tagħhom; ħadd ma jgħammar fl-għerejjex tagħhom.

27Lil min int sawwatt jagħmlu għalih, u jxandru t-tbatija ta' min inti lħaqt.

28Agħtihom kastig fuq ieħor; ma jilħqux is-salvazzjoni tiegħek.

29Jitħassru mill-ktieb tal-ħajjin; ma jinkitbux man-nies sewwa.

30Imma jiena msejken u batut; terfagħni, o Alla, is-salvazzjoni tiegħek!

31Infaħħar l-isem ta' Alla bl-għana, inkabbru b'għana ta' radd il-ħajr.

32Dan jogħġob lill-Mulej aktar minn offerta ta' gendus, jew ta' barri bil-qrun u
dwiefer ħierġa.

33Hekk jaraw l-imsejkna u jifirħu; u tagħmlu l-qalb, intom li tfittxu lil Alla.

34Għax jisma' l-fqajrin il-Mulej, ma jistmellx l-imjassrin tiegħu.

35Ifaħħruh is-sema u l-art, l-ibħra u kulma jitħarrek fihom.

36Għax Alla jsalva 'l Sijon, u jibni l-bliet ta' Ġuda; u huma jerġgħu lura u
jgħammru fiha.

37Jirtuha wlied il-qaddejja tiegħu; dawk li jħobbu lil ismu joqogħdu fiha.

## Salmi 70

### Karba fin-niket

*1*Għall-mexxej tal-kor. Ta' David. B'tifkira.

2O Alla, ejja eħlisni! Mulej, fittex għinni!

3Ha jistħu u jinfixlu dawk li jfittxu jneħħuli ħajti. Ha jerġgħu lura mħawda dawk
li jifirħu bid-deni tiegħi.

4Ha jerġgħu lura kollhom mistħija dawk li jiddieħku bija.


© 2020 Malta Bible Society.

[5]Jithennew u jifirħu bik dawk kollha li jfittxuk; jgħidu dejjem: "Kbir hu Alla," dawk li jħobbu s-salvazzjoni tiegħek.

[6]Imma jien, fqajjar u msejken; o Alla, fittex għinni! Inti l-għajnuna u l-ħelsien tiegħi: iddumx ma tgħinni, Mulej!

## Salmi 71

### Talba ta' wieħed imdaħħal fiż-żmien

[1]Fik, Mulej, jien nistkenn; ma jkolli qatt għax ninfixel.

[2]Għall-ġustizzja tiegħek salvani u ħarisni; agħtini widen u fittex eħlisni.

[3]Kun sur ta' kenn għalija; int wegħedt li tiġi dejjem issalvani, għax blata u fortizza int għalija.

[4]Alla tiegħi, ħarisni minn id il-ħażin, minn id il-qarrieq u l-kiefer.

[5]Għax inti, Sidi, it-tama tiegħi; Mulej, inti l-fiduċja tiegħi sa minn żgħożiti.

[6]Fuqek serraħt sa minn twelidi, sa minn ġuf ommi inti ħadtni; inti dejjem it-tifħir tiegħi.

[7]Ħafna huma li stagħġbu bija, iżda inti l-kenn qawwi tiegħi.

[8]Mimli fommi b'tifħirek, u b'sebħek il-jum kollu.

[9]Twarrabnix meta nasal għax-xjuħija; titlaqnix meta tħallini saħħti.

[10]Għax fuqi jitkellmu l-għedewwa tiegħi; dawk li jonsbuli ħajti flimkien ifesfsu.

[11]"Alla nsieħ!", huma jgħidu, "Għalih! Aqbduh! Ħadd ma jeħilsu."

[12]O Alla, toqgħodx 'il bogħod minni; Alla tiegħi, fittex għinni.

[13]Ħa jistħu u jinfnew dawk li jixluni; jimtela biż-żebliħ u l-għajb minn iridli d-deni.

[14]Imma jien nibqa' dejjem nittama, u nkattar tifħirek kollu.

[15]Fommi jxandar il-ġustizzja tiegħek, il-jum kollu l-għemejjel tal-għajnuna tiegħek, għalkemm jien stess ma nafx kif ngħoddhom.

[16]Nersaq quddiem il-kobor tiegħek, Mulej Sidi, biex il-ġustizzja tiegħek waħdek inxandar.

[17]O Alla, sa minn żgħożiti int għallimtni; u jien s'issa għadni nxandar għeġubijietek.

[18]Imqar meta nixjieħ u jibjad xagħri, la tinsinix, o Alla; sakemm inxandar għemil idejk lil kull nisel, il-qawwa tiegħek lil kull min għad jiġi.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

19 M’ogħla s-smewwiet il-ġustizzja tiegħek o Alla! Hwejjeġ kbar int għamilt; min hu bħalek o Alla!

20 Minn għawġ kbir u qalil int għaddejtni; iżda int terġa’ tagħtini l-ħajja, minn qiegħ l-art terġa’ ttellagħni.

21 Kattarli l-kobor tiegħi; erġa’ agħtini l-faraġ tiegħek.

22 U jiena nfaħħrek bl-arpa għall-fedeltà tiegħek, Alla tiegħi; ngħannilek biċ-ċetra, Qaddis ta’ Iżrael.

23 Jifirħu xufftejja jien u ngħannilek; tifraħ ruħi, li inti fdejtli.

24 U lsieni l-jum kollu jitħaddet fuq il-ġustizzja tiegħek, għax waqa’ fl-għajb u l-mistħija min iridli d-deni.

## Salmi 72

### Is-saltna tal-Messija

1 Ta’ Salamun.

O Alla, agħti lis-sultan il-ħaqq tiegħek, il-ġustizzja tiegħek lil bin is-sultan,

2 biex jiġġudika l-poplu tiegħek bil-ġustizzja, u bil-ħaqq l-imsejknin tiegħek.

3 Jinżel mill-muntanji s-sliem lill-poplu, tinżel mill-għoljiet il-ġustizzja.

4 Hu jħares id-dritt tal-imsejknin tal-poplu, isalva l-fqajrin u jrażżan ’il min jgħakkishom.

5 Ha jdum kemm iddum ix-xemx; kemm idum il-qamar, minn żmien għal żmien.

6 Jinżel bħax-xita fuq ir-raba’ maħsud, bħal ħalba xita li ssaqqi l-art bil-għatx.

7 Tħaddar f’jiemu l-ġustizzja, u sliem kotran sa ma jintemm il-qamar.

8 Isaltan minn baħar sa baħar, u mix-Xmara sa truf l-art.

9 Quddiemu jitbaxxew l-għedewwa tiegħu; dawk li huma kontrih it-trab jilagħqu.

10 Is-slaten ta’ Tarsis u tal-gżejjer jagħtuh ir-rigali, is-slaten ta’ Saba u ta’ Seba għotjiet iġibulu.

11 Iqimuh is-slaten kollha, il-ġnus kollha lilu jaqdu.

12 Għax hu jeħles lill-fqir li jsejjaħlu, u lill-imsejken li m’għandux min jgħinu.

13 Iħenn għad-dgħajjef u għall-fqajjar; il-ħajja tal-fqajrin isalva.

14 Jeħlishom mill-qerq u mill-moħqrija; demmhom għażiż quddiem għajnejh.

15 Ħa jgħix is-sultan għal dejjem, jingħata lilu deheb ta’ Saba! Ħa jitolbu għalih dejjem, u jberkuh il-jum kollu!


© 2020 Malta Bible Society.

16Ikun kotran il-qamħ fuq l-art, jogħla sal-qċaċet tal-għoljiet. Ikun il-frott tiegħu
bħal-Libanu, iħaddru l-uċuħ bħall-ħaxix tar-raba'.

17Ismu jibqa' jissemma għal dejjem; idum ismu sakemm iddum ix-xemx! Bih
jitbierku l-ġnus kollha tal-art; il-popli kollha jsejħulu hieni.

18Imbierek il-Mulej, Alla ta' Iżrael, li waħdu jagħmel ħwejjeġ tal-għaġeb.

19Imbierek għal dejjem ismu msebbaħ; timtela l-art kollha b'sebħu! Ammen!
Ammen!

20Tmiem it-talb ta' David, bin Ġesse.

## Salmi 73

### IT-TIELET KTIEB

***Salmi 73—89***

**Ħsibijiet fuq il-frugħa tal-ġid tal-ħżiena**

*1*Salm ta' Asaf.

Tassew twajjeb hu Alla ma' min hu sewwa, ma' dawk li għandhom qalbhom safja.

2Iżda jien għal ftit ma għotrux riġlejja, għal ftit ma żlaqtx fil-mixi tiegħi.

3Għax ġietni l-għira għall-kburin, xħin rajt il-ħżiena jimxu 'l quddiem.

4Għax dawn ma għandhom ebda tbatija, qawwijin u sħaħ f'ġisimhom.

5M'għandhomx taħbit bħall-bnedmin tad-dinja; mhumiex imsawtin ma' wlied
Adam.

6Bħal ħannieqa ġawhar iżżejjinhom kburithom; tgħattihom bħal libsa d-
dnewwa tagħhom.

7Mis-simna tagħhom toħroġ ħżunithom, qalbhom tfawwar bi ħsibijiet fiergħa.

8Jiddieħku u bil-qerq jitkellmu; kollhom imkabbra jheddu bil-moħqrija.

9Sa kontra s-sema jqassu; lsienhom mal-art kollha jlaħħaq.

10Għalhekk magħhom iżomm il-poplu tiegħi, u jixrob kliemhom bħall-ilma.

11U jgħidu: "X'jista' jaf Alla? Huwa l-Għoli jaf b'xi ħaġa?"

12Dawn, ara, huma l-ħżiena: moħħhom dejjem mistrieħ, u jistagħnu dejjem.

13Mela għal xejn żammejt qalbi safja, u ħsilt idejja b'sinjal ta' ndafa.

14Xorta waħda kuljum ġejt imsawwat, u kull filgħodu ħadt il-kastig.

15Kieku għedt li hekk għandi nitkellem, kont niċħad ir-razza ta' wliedek.

16Fittixt kif għandi nifhimha, u sibtha wisq bi tqila.


© 2020 Malta Bible Society.

17Imbagħad dħalt fit-tempju ta' Alla, u għaraft sewwa x'inhu t-tmiem tal-ħżiena.

18Tassew li int fuq art tiżloq tqegħedhom, u fit-tiġrif twaqqagħhom.

19Ara, kif tħarbtu f'daqqa waħda; kif għebu u ntemmu bil-biża'!

20Bħal ħolma ta' min jistenbaħ, Mulej Sidi, hekk int, malli tqum, ma tqishom xejn.

21Meta kienet tinkedd qalbi u kont ninfena ġewwa fija,

22kemm kont iblah, xejn ma fhimt, bħal bhima jien kont quddiemek.

23Imma jiena dejjem miegħek; inti żżommni minn idi l-leminija;

24skont il-ħsieb tiegħek tmexxini, imbagħad fis-sebħ tilqagħni.

25Lil min għandi fis-sema ħliefek? U meta għandi lilek, x'jonqosni fuq l-art?

26Qegħdin jinfnew ġismi u qalbi; Alla l-qawwa ta' qalbi u sehmi għal dejjem.

27Għax kull min jitbiegħed minnek jintilef; int teqred 'il kull min jinfired minnek.

28Iżda jiena l-hena tiegħi li nkun qrib Alla; f'Sidi l-Mulej qegħedt il-kenn tiegħi; u
nxandar l-għemejjel tiegħek kollha.

## Salmi 74

### Ilment għall-ħerba tat-tempju

*1*Maskil. Ta' Asaf,

Għaliex, o Alla, warrabtna għal dejjem? Għaliex tħeġġeġ qilltek kontra n-nagħaġ
tal-merħla tiegħek?

2Ftakar fil-ġemgħa li ksibt għalik mill-qedem, it-tribù li int fdejt biex ikun wirtek;
ftakar f'Sijon, li fuqha bnejt l-għamara tiegħek.

3Itla' sal-post li sar ħerba waħda: kollox qered l-għadu fis-santwarju.

4Għajtu l-għedewwa fil-post tal-laqgħat tiegħek; hemm waħħlu l-istendardi tar-
rebħa tagħhom.

5Bħal dawk li jxejru l-mannara fl-għoli biex iqaċċtu s-siġar minn qalb il-bosk,

6hekk huma kissru l-bibien tat-tempju, bl-imterqa u l-mazza farrkuhom.

7Taw in-nar lis-santwarju tiegħek; kasbru għalkollox l-għamara tiegħek.

8Qalu f'qalbhom: "Ha nfarrkuhom għalkollox!" Harqu kull post imqaddes ta' Alla
f'artna.

9Ma għadniex naraw sinjali mis-sema, m'hawnx iżjed profeti; ħadd fostna ma jaf
kemm se ndumu hekk.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

10Kemm se jdum iżebilħek l-għadu, o Alla? Se jibqa' jkasbarlek ismek għal dejjem?

11Għaliex qiegħed iżżomm idek lura? Għax taħbi f'ħobbok il-leminija tiegħek?

12Iżda int, Alla, sultan tiegħi sa mill-qedem; int tikseb ir-rebħa fl-art kollha.

13Int fridt b'qawwietek il-baħar, u sħaqt irjus id-draguni tal-ilma.

14Int farrakt l-irjus tal-Levjatan, u tajtu b'ikel lil klieb il-baħar.

15Int ftaħt għejun u widien, u nixxift xmajjar dejjem għaddejja.

16Tiegħek il-jum u tiegħek il-lejl; il-kwiekeb u x-xemx int għamilthom.

17Int ħażżejt it-truf kollha tal-art; is-sajf u x-xitwa inti ħlaqthom.

18Ftakar, Mulej, kif qiegħed ikasbrek l-għadu, kif il-boloh qegħdin iżebilħu ismek.

19Titlaqx lill-bhejjem lil min ifaħħrek; tinsiex għal dejjem il-ħajja tal-fqajrin tiegħek.

20Żomm quddiem għajnejk il-patt tiegħek, għax l-art mimlija dlamijiet u dnewwa.

21Tħallix l-imgħakkes fil-mistħija, biex il-fqajjar u l-imsejken ifaħħru ismek.

22Qum, o Alla, aqbeż għall-kawża tiegħek; ftakar kif l-iblah qiegħed ikasbrek il-ħin kollu.

23Tagħlaqx widnejk għall-għajjat tal-għedewwa tiegħek, għall-ħsejjes bla heda ta' min jeħodha miegħek.

## Salmi 75

### Alla hu l-imħallef

*1*Għall-mexxej tal-kor. Fuq "La teqridx". Salm ta' Asaf.

2Lilek infaħħru, o Alla, lilek infaħħru; ismek inxandru, għemilek tal-għaġeb inħabbru.

3"Meta jasal il-waqt li jien għażilt, jien nagħmel ħaqq bis-sewwa.

4Jekk titriegħed l-art u kulma fiha, jiena nżomm sħaħ il-pilastri tagħha."

5Lill-kburin ngħidilhom: "La titkabbrux," u lill-ħżiena: "La terfgħux raskom."

6Terfgħux kontra s-sema raskom; titkabbrux ma' Alla bi kliemkom.

7Għax ebda għajnuna ma ssibu, la mil-Lvant, la mill-Punent, la mit-Tramuntana u lanqas minn Nofsinhar;

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

8għax Alla hu l-imħallef: lil wieħed iniżżlu, lil ieħor jgħollih.

9Il-Mulej għandu f'idu bieqja, bi nbid qawwi, imħawwar tajjeb; minnha jisqihom
sal-aħħar qatra: il-ħżiena kollha tal-art jixorbuha.

10Iżda jien għal dejjem nifraħ; ngħanni lil Alla ta' Ġakobb.

11L-irjus kollha tal-ħżiena jitkissru; u jintrefgħu l-irjus tal-ġusti.

## Salmi 76

### Tifħir lil Alla wara r-rebħa

1Għall-mexxej tal-kor. Fuq l-istrumenti tal-korda. Salm ta' Asaf. Għanja.

2Magħruf hu Alla f'Ġuda, kbir hu ismu f'Iżrael.

3F'Salem hemm l-għarix tiegħu, u l-għamara tiegħu f'Sijon.

4Hemm hu kisser il-vleġeġ tal-ark, it-tarka, is-sejf u l-armi tal-gwerra.

5Int kollok dija u glorja, aktar mill-aqwa muntanji.

6L-irġiel ta' qalbhom qawwija tilfu l-priża tagħhom; il-gwerriera qalbiena
waqgħu f'raqda, idejhom tmewtulhom.

7Għall-għajta tiegħek, Alla ta' Ġakobb, f'ħedla jaqgħu r-rikkieba u ż-żwiemel.

8Tal-biża' int; int, min jiqaflek, meta tqum fuq tiegħek, Mulej?

9Mis-smewwiet semmajt il-ħaqq tiegħek; twerwret l-art u tbikkmet,

10meta Alla qam biex jagħmel il-ħaqq, biex isalva l-imsejkna kollha tal-art.

11Imqar fil-korla tiegħek il-bnedmin ifaħħruk; u kull min jeħles mill-għadab
tiegħek ifaħħrek.

12Wiegħdu u roddu lill-Mulej, Alla tagħkom; ta' madwaru lkoll iġibulu d-doni,
lilu, li hu tal-biża';

13lil dak li jifni l-kbarat, u jnissel il-biża' fis-slaten tal-art.

## Salmi 77

### Ilment u tama fl-hemm

1Għall-mexxej tal-kor. Fuq "Ġedutun". Salm ta' Asaf.

2B'leħen qawwi 'l Alla nsejjaħ, insejjaħ 'l Alla biex jismagħni.

3Fid-diqa tiegħi lil Sidi nfittex; ma negħjiex billejl nerfa' idi u nitlob; ma tridx taf
b'faraġ qalbi.

4Niftakar f'Alla u nitniehed; jien u naħseb, tinfena qalbi.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

5Inżomm miftuħa xfar għajnejja; jiena mħawwad u ma nistax nitkellem.

6Naħseb fiż-żmien l-imgħoddi, niftakar fis-snin ta' qabel;

7billejl nitħaddet f'qalbi, naħseb u nixtarr ġewwa fija.

8Tgħid għal dejjem se jwarrabna Sidna? Mhux se jibqa' jurina mħabbtu?

9Waqfet għal dejjem it-tjieba tiegħu? Mhux se jibqa' jżomm kelmtu minn nisel
għal ieħor?

10Nesa Alla juri ħniena magħna? Jew ħeba ħnientu fl-għadab tiegħu?

11Ikolli ngħid: "Dan hu l-għali tiegħi: li Alla l-Għoli biddel għemil lemintu."

12Imbagħad niftakar f'għemilek, Mulej; naħseb fl-għeġubijiet li għamilt fl-
imgħoddi.

13Naħseb f'kulma int għamilt; nixtarr l-għemejjel kbar tiegħek.

14Qaddisa triqtek, o Alla! Liema alla hu kbir bħal Alla tagħna?

15Int Alla li tagħmel ħwejjeġ tal-għaġeb, li turi qawwietek fost il-popli.

16Bi driegħek fdejt il-poplu tiegħek, l-ulied ta' Ġakobb u ta' Ġużeppi.

17Rawk l-ilmijiet, o Alla, rawk l-ilmijiet u twerwru; u sa qiegħ il-baħar triegħed.

18Mis-sħab niżlet ix-xita, u s-smewwiet triegħdu; leħħ ma' kullimkien il-beraq
tiegħek.

19Il-ħsejjes tar-ragħad tiegħek waħda f'waħda, il-beraq dawwal id-dinja;
triegħdet u theżżet l-art.

20Triqtek fuq il-baħar, fuq l-ibħra l-kbar il-mixja tiegħek; u ħadd ma jsibhom il-
passi tiegħek.

21Mexxejt bħal merħla l-poplu tiegħek, b'id Mosè u Aron.

## Salmi 78

### Tagħlim mill-istorja ta' Iżrael

*1*Maskil. Ta' Asaf.

Poplu tiegħi, agħtu widen għal-liġi tiegħi, iftħu widnejkom għal kliem fommi.

2Niftaħ fommi biex inxandar kliem l-għerf; nitkellem fuq ħwejjeġ moħbija mill-
qedem.

3Dak li smajna u tgħallimna, dak li qalulna missirijietna,

4aħna ma naħbuhx lil uliedhom, iżda nxandruh lin-nisel ta' warajhom: tifħir il-
Mulej u l-qawwa tiegħu, u l-għeġubijiet li għamel.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

5Waqqaf drawwa b'tifkira għall-poplu ta' Ġakobb, għamel liġijiet għal Iżrael; u ordna lil missirijietna biex jgħallmuhom lil uliedhom,

6ħalli jkun jafhom in-nisel ta' warajhom; u l-ulied li jitwieldu minnhom jgħarrfuhom ukoll lil uliedhom,

7biex f'Alla jqiegħdu t-tama tagħhom; ma jinsewx l-għemejjel ta' Alla, iżda jħarsu l-kmandamenti tiegħu;

8u ma jkunux bħal missirijiethom, nies ta' ras iebsa li b'xejn ma tisma', li qalbhom kienet bla mistrieħ, u ruħhom lejn Alla infidila.

9Ulied Efrajm, imħarrġa fl-ark, treġġgħu lura f'jum it-taqbida;

10ma ħarsux il-patt ta' Alla, ma ridux jimxu fuq il-liġi tiegħu.

11Insew l-għemejjel tiegħu u l-għeġubijiet li kien uriehom:

12l-għeġubijiet li għamel quddiem missirijiethom f'art l-Eġittu, fir-raba' ta' Sogħan.

13Feraq il-baħar biex għaddiehom minnu, l-ilmijiet bħal ħitan waqqaf;

14mexxiehom bi sħaba binhar, u b'ħuġġieġa ta' dawl billejl.

15Xaqqaq il-blat fid-deżert, sqiehom bħal b'baħar tal-ilma;

16ħareġ il-gliegel mill-blata, ġerra bħax-xmajjar l-ilma.

17Iżda huma kontrih komplew dinbu, qamu kontra Alla fid-deżert.

18Ġarrbu lill-Għoli f'qalbhom, billi talbuh l-ikel li xtaqu.

19Tkellmu kontra Alla, u qalu: "Jista' Alla jħejji mejda fid-deżert?

20Hu ħabat il-blat, u l-ilma ħareġ, widien tal-ilma gelglu; ma jistax jagħti ħobż ukoll, jew iħejji laħam għall-poplu tiegħu?"

21Għal dan il-kliem għadab il-Mulej; tkebbes in-nar għal Ġakobb, u s-saħna tiegħu xegħlet għal Iżrael.

22Għax huma ma emmnux lil Alla, ma ttamawx fl-għajnuna tiegħu.

23Imma hu ordna s-sħab fl-għoli, u fetaħ bwieb is-smewwiet;

24u xita ta' manna bagħtilhom x'jieklu, tahom il-qamħ mis-sema.

25Kull wieħed kiel il-ħobż tal-qalbenin, ikel bix-xaba' bagħtilhom.

26Tella' r-riħ ilvant fis-smewwiet, ħareġ ir-riħ isfel b'qawwietu.

27Xita ta' laħam bħat-trab bagħtilhom, għasafar bħar-ramel tal-baħar;


© 2020 Malta Bible Society.

28u waqqagħhom f'nofs it-tined tagħhom, madwar l-għerejjex fejn kienu jgħammru.

29Huma kielu u xebgħu għalkollox, għax hu tahom kemm kienu xtaqu.

30Anqas laħqu temmew xewqithom, kienu għadhom bl-ikel f'ħalqhom,

31xħin il-Mulej raġa' inkorla għalihom; qatlilhom l-aħjar nies tagħhom, iż-żgħażagħ ta' Iżrael mal-art xeħtilhom.

32B'danakollu baqgħu jidinbu, ma emmnux fl-għeġubijiet tiegħu.

33U temm ħajjithom f'nifs wieħed, is-snin tagħhom b'mewt għal għarrieda.

34Imbagħad kienu jfittxuh meta kien jeqridhom, kienu jindmu u jfittxu 'l Alla bil-ħerqa;

35kienu jiftakru li Alla l-blata tagħhom, Alla l-Għoli l-feddej tagħhom.

36Imma kienu jqarrqu bih bi kliemhom, kienu jigdbulu bi lsienhom.

37Għax qalbhom ma kinitx sewwa miegħu, ma kinux fidili mal-patt tiegħu.

38Iżda hu kien iħenn u jaħfrilhom il-ħtija, ma kienx jasal biex jeqridhom; ħafna drabi kien iżomm il-korla, ma kienx jixgħel qilltu kollha.

39Kien jiftakar li bnedmin huma, bħal żiffa li tgħaddi u ma terġax lura.

40Kemm-il darba qamu kontrih fid-deżert, kemm-il darba nikktuh fl-art niexfa!

41Kienu jerġgħu jġarrbu lil Alla, u jħeġġu l-korla tal-Qaddis ta' Iżrael.

42Ma kinux jiftakru f'għemil idejh, fil-jum li fdiehom mill-għadu,

43meta għamel il-mirakli fl-Eġittu, l-għeġubijiet fir-raba' ta' Sogħan.

44Bidel f'demm ix-xmajjar tagħhom, ma setgħux jixorbu min-nixxigħat tagħhom.

45Bagħtilhom dubbien li qeridhom, u żrinġijiet li ħarbtuhom.

46Telaq għad-dud l-uċuħ tar-raba', u għall-ġradijiet ix-xogħol ta' idejhom.

47Ħarbtilhom bis-silġ id-dwieli tagħhom, u s-siġar tat-tin bil-ġlata.

48Qered bis-silġ il-bhejjem tagħhom, u bis-sajjetti l-imrieħel tagħhom.

49Fetaħ għal fuqhom qawwet qilltu, is-saħna, l-għadab u l-hemm. Bagħtilhom l-anġli tal-ħsara,

50u witta t-triq għall-għadab tiegħu. Ma ħafrilhomx il-mewt, imma telaqhom għall-pesta.

51Qatel l-ulied il-kbar fl-Eġittu, l-ewwel frott ta' rġulithom fl-għerejjex ta' Ħam.

52U ħareġ bħal nagħaġ il-poplu tiegħu, bħal merħla fid-deżert mexxiehom.


© 2020 Malta Bible Society.

53Qegħedhom fiż-żgur, u ma beżgħux; imma l-għedewwa tagħhom għattiehom il-baħar.

54U daħħalhom fl-art imqaddsa tiegħu, fuq l-għolja li kisbet il-leminija tiegħu.

55Keċċa l-ġnus minn quddiemhom, u arthom qassam b'wirt lil Iżrael, fi djarhom daħħal il-poplu tiegħu.

56Ġarrbu u kiddu lil Alla l-Għoli, ma ħarsux il-kmandamenti tiegħu.

57Reġgħu lura u naqsu bħal missirijiethom, għawġu triqthom bħal ark li jqarraq bik.

58Regħxuh fuq l-għoljiet tagħhom, kebbsulu l-għira bl-idoli tagħhom.

59Sama' b'dan Alla, u nxtegħel bl-għadab, u warrab għalkollox lil Iżrael.

60Telaq is-santwarju ta' Silo, l-għarix fejn kien jgħammar fost il-bnedmin.

61Ħalla f'idejn l-għadu l-arka tiegħu, fejn kien hemm il-qawwa u l-glorja tiegħu.

62Telaq għas-sejf il-poplu tiegħu, ħadha bl-aħrax kontra wirtu.

63In-nar qered liż-żgħażagħ tagħhom, siket l-għana taż-żwieġ għax-xbejbiet tagħhom.

64Il-qassisin tagħhom mis-sejf intlaqtu, u ma setgħux jibkuhom ir-romol tagħhom.

65Qam imbagħad Sidi l-Mulej bħal minn raqda, bħal gwerrier li jqum minn sakra.

66Laqat fuq wara l-għedewwa tiegħu, tefagħhom fl-għajb għal dejjem.

67U warrab id-dar ta' Ġużeppi, ma għażilx it-tribù ta' Efrajm;

68iżda għażel it-tribù ta' Ġuda, u l-għolja ta' Sijon li kien iħobb.

69Hemm bena s-santwarju tiegħu bħall-ogħla smewwiet, bnieh fis-sod bħall-art għal dejjem.

70Għażel lil David, qaddej tiegħu, ħadu minn qalb l-imrieħel;

71minn wara n-nagħaġ bil-ħrief tagħhom ġiebu, biex jirgħa 'l Ġakobb il-poplu tiegħu, u lil Iżrael il-wirt tiegħu.

72Hu kien jirgħahom b'qalb safja, bil-ħila ta' idejh mexxiehom.

## Salmi 79

### Ilment għall-ħerba ta' Ġerusalemm

1Salm ta' Asaf.


© 2020 Malta Bible Society.

O Alla, daħlu l-ġnus f'wirtek, niġġsu t-tempju mqaddes tiegħek, għamlu 'l Ġerusalemm ħerba waħda.

2Taw l-iġsma tal-qaddejja tiegħek b'ikel lit-tjur tal-ajru; taw laħam ħbiebek lill-bhejjem tal-art.

3Xerrdulhom demmhom bħal ilma madwar Ġerusalemm; u ma kienx hemm min jidfinhom.

4Waqajna għaċ-ċajt mal-ġirien tagħna, għad-daħk u ż-żebliħ għal ta' madwarna.

5Mulej, għal dejjem se tibqa' inkurlat magħna? Se tibqa' mkebbsa bħan-nar il-ħeġġa tiegħek?

6Sawwab qilltek fuq il-ġnus li ma jagħrfukx, fuq is-saltniet li ma jsejħux ismek.

7Għax huma belgħu l-poplu ta' Ġakobb, u ħarbtu l-art fejn jgħammar.

8Tiftakrilniex il-ħtijiet tal-imgħoddi; fittex ejja u lqagħna bi ħnientek, għax ninsabu mifnija għall-aħħar.

9Għinna, o Alla, Salvatur tagħna, f'ġieħ is-sebħ tal-isem tiegħek; eħlisna u aħfrilna dnubietna, minħabba l-isem tiegħek.

10Għaliex għandhom jgħidu l-ġnus: "Fejn hu Alla tagħhom?" Ha jkunu jafu l-ġnus quddiem għajnejna li int titħallas tad-demm li xerrdu tal-qaddejja tiegħek.

11Ha jasal quddiemek ilfiq l-imjassrin; fil-kobor ta' qawwietek salva 'l dawk li huma għall-mewt.

12Dawwar għal seba' darbiet għal fuq il-ġnus ta' madwarna it-tkasbir li tefgħu fuqek, Sidna.

13U aħna, il-poplu tiegħek u l-merħla tal-mergħa tiegħek, niżżuk ħajr għal dejjem; minn żmien għal żmien inxandru tifħirek.

## Salmi 80

### Talba tal-mirbuħin

1Lill-mexxej tal-kor. Fuq "Il-Ġilji". Xhieda. Ta' Asaf. Salm.

2O Ragħaj ta' Iżrael, agħti widen, int li tmexxi bħal merħla 'l Ġużeppi. Int li qiegħed fuq il-kerubini,

3iddi quddiem Efrajm, Benjamin u Manassi. Qajjem il-qawwa tiegħek, u ejja ħa ssalvana.

4Reġġagħna għal li konna, Alla tal-eżerċti; itfa' fuqna d-dija ta' wiċċek, u nkunu salvi.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

5Mulej, Alla tal-eżerċti, kemm se ddum tinkorla minkejja t-talb tal-poplu tiegħek?

6Tmajthom il-ħobż magħġun bid-dmugħ, sqejthom id-dmugħ bix-xaba'.

7Għamilt minna t-tilwim tal-ġirien tagħna, l-għedewwa tagħna jiddieħku bina.

8Reġġagħna għal li konna, Alla tal-eżerċti; itfa' fuqna d-dija ta' wiċċek, u nkunu salvi.

9Int qlajt dielja mill-Eġittu, warrabt il-ġnus biex tħawwel lilha.

10Hejjejt l-art għaliha; hi xenxlet għeruqha u mliet l-art.

11Tgħattew l-għoljiet bid-dell tagħha, bħaċ-ċedri l-kbar il-friegħi tagħha.

12Meddet sal-baħar il-friegħi tagħha, sax-Xmara ż-żraġen tagħha.

13Għaliex, mela, ġarraft il-ħitan tagħha, u kull min jgħaddi jqaċċat minnha?

14Iħarbatha l-ħanżir selvaġġ, il-bhejjem tar-raba' jirgħu fiha.

15Erġa' ejja, Alla tal-eżerċti; ħares mis-sema, u ara, u żur 'il din id-dielja.

16Hu ħsieb dak li ħawlet lemintek, ir-rimja li int kabbart għalik.

17Jinqerdu mal-ħarsa qalila ta' wiċċek dawk li tawha n-nar u qaċċtuha.

18Ħa tkun idek fuq il-bniedem ta' lemintek, fuq il-bniedem li int saħħaħt għalik.

19Aħna ma nitbegħdux minnek; roddilna l-ħajja, u aħna nsejħu ismek.

20Reġġagħna għal li konna, Alla tal-eżerċti; itfa' fuqna d-dija ta' wiċċek, u nkunu salvi.

## Salmi 81

### L-għanja tal-Festa tal-Għerejjex

*1*Għall-mexxej tal-kor. Fuq "L-Imgħasar". Ta' Asaf.

2Għannu bil-ferħ lil Alla, qawwa tagħna, għajtu bil-ferħ lil Alla ta' Ġakobb!

3Għollu leħen l-għana, doqqu t-tnabar, doqqu ċ-ċetra ħelwa mal-arpa.

4Doqqu t-tromba mal-qamar ġdid, mal-qamar mimli f'jum il-festa tagħna.

5Għax dan hu kmandament għal Iżrael, din liġi ta' Alla ta' Ġakobb.

6Dan l-ordni hu tah lil Ġużeppi, huwa u ħiereġ minn art l-Eġittu. Kliem li ma nafux qiegħed nisma':

7"Neħħejtlek it-tagħbija minn fuq dahrek, ħlistlek idek mill-irfigħ tal-qoffa.


© 2020 Malta Bible Society.

8Fid-dwejjaq sejjaħtli, u jiena ħlistek; b'leħen moħbi, bħal f'ragħda, weġibtek; ħdejn l-ilma ta' Meriba ġarrabtek.

9Ismagħni, poplu tiegħi, ħa llumek: Iżrael, mhux li kont tismagħni!

10Ma jkollokx alla ieħor f'nofskom, tinxteħitx quddiem alla barrani.

11Jiena l-Mulej, Alla tiegħek, li tellajtek mill-art tal-Eġittu. Iftaħ ħalqek u jien nimlihulek.

12Iżda l-poplu tiegħi ma semax minni, Iżrael ma riedx jaf bija.

13Għalhekk tlaqthom għall-ebusija ta' qalbhom, biex imxew skont il-fehmiet tagħhom.

14Jekk il-poplu tiegħi jisma' minni, jekk Iżrael jimxi fi triqati,

15minnufih inniżżel l-għedewwa tagħhom, idi ndawwar fuq dawk li huma kontrihom.

16Dawk li jobogħduhom jersqu jitkaxkru quddiemhom; din tkun xortihom għal dejjem.

17U lilhom nitmagħhom b'qamħ mill-aħjar, inxebbagħhom bl-għasel mill-blat."

## Salmi 82

### L-Imħallef fuq l-imħallfin

1Salm ta' Asaf.

Alla joqgħod fil-laqgħa tal-allat, f'nofs l-allat jaqta' s-sentenza:

2"Kemm se ddumu taqtgħu l-ħaqq bil-ħażen, u tħarsu lejn wiċċ il-ħżiena?

3Agħmlu l-ħaqq mal-miskin u l-iltim; mal-magħkus u l-fqir agħmlu s-sewwa.

4Eħilsu d-dgħajjef u l-fqajjar, minn id il-ħżiena salvawhom."

5La jafu u lanqas jifhmu, fid-dlam qegħdin jimxu; u s-sisien kollha tal-art qed jitheżżu.

6Jien għedt li allat intom, ulied l-Għoli lkoll kemm intom.

7Imma bħal kull bniedem intom tmutu, bħal kull wieħed mill-kbarat taqgħu.

8Qum, o Alla, agħmel ħaqq mill-art; għax tiegħek huma l-ġnus kollha!

## Salmi 83

### Kontra l-ġemgħa tal-għedewwa

1Għanja. Salm ta' Asaf.


© 2020 Malta Bible Society.

2O Alla, la torqodx, tiqafx u tiskotx, o Alla!

3Għax, ara, qamu l-għedewwa tiegħek, dawk li jobogħduk refgħu rashom.

4Jiftiehmu bejniethom kontra l-poplu tiegħek, jingħaqdu kontra l-poplu l-għażiż tiegħek.

5U jgħidu: "Ejjew, ħa nwarrbuhom minn fost il-ġnus; ma jissemmiex iżjed isem Iżrael!"

6Huma ngħaqdu fehma waħda, u għamlu patt bejniethom kontra tiegħek.

7Ir-razez ta' Edom u l-Ismagħelin, Mowabin u Hagarin,

8Gebal, Għammon u Għamalek, il-Filistja man-nies ta' Tir;

9Assur ukoll ingħaqad magħhom, saru d-driegħ qawwi ta' wlied Lot.

10Imxi magħhom kif imxejt ma' Midjan u ma' Sisera, ma' Ġabin ħdejn il-wied ta' Kison,

11li nqerdu ħdejn Għajn-dor, saru bħal demel tal-art.

12Agħmel lill-kbarat tagħhom bħal Għoreb u bħal Żeb; bħal Żebaħ u Salmunna lill-kapijiet tagħhom ilkoll.

13Għax ilkoll kienu qalu: "Ha nieħdu taħt idejna l-aħjar oqsma tal-poplu ta' Alla."

14Alla tiegħi, agħmilhom bħal tromba tar-riħ, bħal karfa li ttir maż-żiffa,

15bħal nar li l-bosk iqabbad, bħal ħuġġieġa li tkebbes l-għoljiet.

16Hekk ilħaqhom bit-tempesta tiegħek, werwirhom bir-riefnu tiegħek.

17Iksilhom wiċċhom bil-mistħija, li jaslu biex ifittxu ismek, Mulej.

18Jistħu u jinfixlu darba għal dejjem, jitħawdu sa ma jintilfu.

19Biex jagħrfu li Jaħweh hu ismek, li int waħdek l-Għoli fuq l-art kollha.

## Salmi 84

### Xewqa kbira għat-tempju

*1*Għall-mexxej tal-kor. Fuq "L-Imgħasar". Salm ta' wlied Koraħ.

2Kemm hi għażiża d-dar tiegħek, Mulej tal-eżerċti!

3Tixxennaq u tinfena ruħi għat-tempju tal-Mulej; ngħanni ferħan b'ruħi u ġismi lil Alla l-ħaj.

4Sal-għasfur isib fejn jgħammar, u l-ħuttafa ssib il-bejta ħdejn l-artali tiegħek; hemm hi tqiegħed iż-żgħar tagħha, Mulej tal-eżerċti, Sultan u Alla tiegħi!

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

5Henjin dawk li jgħammru f'darek; huma jfaħħruk għal dejjem.

6Henjin dawk li jsibu fik il-qawwa tagħhom, li għandhom għal qalbhom il-
pellegrinaġġ għat-tempju.

7Huma u għaddejja minn wied niexef, ibiddluh f'nixxiegħa ta' ilma; u x-xita
bikrija tbiddlu f'għadajjar.

8Jimxu u aktar jissaħħu, sa ma jidhru quddiem Alla f'Sijon.

9Mulej, Alla tal-eżerċti, isma' talbi; agħti widen, Alla ta' Ġakobb.

10Hares, o Alla, lejn it-tarka tagħna, ħares lejn is-sultan, il-midluk tiegħek.

11Għax jum wieħed fit-tempju tiegħek aħjar minn elf jum f'post ieħor; aħjar
noqgħod fuq l-għatba ta' dar Alla tiegħi milli ngħammar fit-tined tal-ħżiena.

12Għax xemx u tarka l-Mulej Alla, ħniena u ġieħ hu jagħti lilna. Ebda ġid ma jiċħad
il-Mulej lil min jimxi bis-sewwa.

13Mulej tal-eżerċti, hieni l-bniedem li jittama fik!

## Salmi 85

### Talba għall-qawmien ta' Iżrael

1Lill-mexxej tal-kor. Salm ta' wlied Koraħ.

2Urejt imħabbtek, Mulej, lejn artek; reġġajt 'il Ġakobb lura mill-jasar.

3Neħħejt il-ħtija tal-poplu tiegħek; ħfirtilhom dnubiethom kollha.

4Reġġajt lura l-qilla tiegħek; taffejt is-saħna tal-korla tiegħek.

5Reġġagħna għal li konna, Alla tas-salvazzjoni tagħna, warrab minn fuqna l-qilla
tiegħek.

6Se tibqa' għal dejjem tinkorla għalina? Se tibqa' għal dejjem tagħdab kontrina?

7Mhux int li terġa' tagħtina l-ħajja, biex jifraħ bik il-poplu tiegħek?

8Uri lilna, Mulej, it-tjieba tiegħek, u s-salvazzjoni tiegħek agħtina.

9Ha nisma' xi jgħid Alla; il-Mulej is-sliem ixandar, għall-poplu u l-ħbieb tiegħu, u
għal dawk li jafdaw fih.

10Qrib hi tassew is-salvazzjoni tiegħu għal dawk li jibżgħu minnu, biex jgħammar
is-sebħ f'artna.

11It-tjieba u l-fedeltà jiltaqgħu, il-ġustizzja u s-sliem jitbewsu.

12Il-fedeltà mill-art tinbet, u l-ġustizzja mis-sema tixref.

13Il-Mulej ukoll jagħti l-ġid tiegħu, u artna tagħti l-frott tagħha.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

14Il-ġustizzja quddiemu timxi, u s-sliem fuq il-passi tiegħu.

## Salmi 86

### Talba fin-niket

1Talba. Ta' David.

Agħtini widen, Mulej, u weġibni, għaliex jiena msejken u fqajjar.

2Ħarisli ħajti, għax jiena twajjeb, salva l-qaddej tiegħek, għax fik jittama.

3Int Alla tiegħi, ħenn għalija, Sidi, għax lilek ngħajjat il-ħin kollu.

4Ferraħ ruħ il-qaddej tiegħek, għax lejk, Sidi, jien nerfa' ruħi.

5Għax int, Sidi, twajjeb u taħfer, kollok tjieba għal kull min isejjaħlek.

6Agħti widen, Mulej, għat-talba tiegħi, isma' l-leħen tal-ilfiq tiegħi.

7F'jum in-niket tiegħi nsejjaħlek, għax inti żgur tweġibni.

8Ħadd mhu bħalek fost l-allat, Mulej, u xejn bħall-għemil tiegħek.

9Il-ġnus kollha, li għamilt, jiġu jinxteħtu quddiemek, u jsebbħu ismek, Sidi.

10Għax kbir int, u għemejjel tal-għaġeb tagħmel; int waħdek Alla!

11Urini, Mulej, triqatek, biex nimxi fis-sewwa tiegħek; agħtini qalb waħda, biex
ikolli l-biża' ta' ismek.

12B'qalbi kollha niżżik ħajr, Mulej Alla tiegħi, u nsebbaħ ismek għal dejjem.

13Għax kbira hi t-tjieba tiegħek miegħi, int ħlistni minn qiegħ l-imwiet.

14O Alla, nies kburin qamu għalija, ġemgħa nies qawwija jonsbuli ħajti; huma
nies li ma jagħtux kasek.

15Int, Alla Sidi, ħanin u twajjeb, iddum biex tagħdab, kollok tjieba u fedeltà.

16Ħares lejja u ħenn għalija, agħti qawwa lill-qaddej tiegħek, salva l-iben tal-
qaddejja tiegħek.

17Urini sinjal ta' tjubitek, ħa jaraw u jitħawdu l-għedewwa tiegħi; għax int, Mulej,
tgħinni u tfarraġni.

## Salmi 87

### Sijon, omm il-popli

1Salm ta' wlied Koraħ. Għanja.

Il-Mulej bena 'l Sijon fuq l-għoljiet imqaddsa;


© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

2hu jħobb il-bibien tagħha aktar mill-għamajjar kollha ta' Ġakobb.

3O belt ta' Alla, ħwejjeġ sbieħ hu jgħid fuqek:

4"Ngħodd 'il Raħab u 'l Babilonja ma' dawk li jagħrfuni. Araw, in-nies tal-Filistja, Tir u l-Etjopja, dawn twieldu hemm!"

5U għal Sijon jingħad: "Ilkoll, il-wieħed u l-ieħor, twieldu fiha! U Alla l-Għoli nnifsu jwettaqha f'postha."

6Jikteb il-Mulej fil-ktieb tal-popli: "Dan twieled hemm!"

7U jgħannu, huma u jiżfnu, dawk kollha li jgħammru fik.

## Salmi 88

### Krib u lmenti fin-niket

1Għanja. Salm ta' wlied Koraħ. Għall-mexxej tal-kor. Fuq "Fi żmien il-mard"(?). Maskil. Ta' Heman, l-Eżraħi,

2Mulej, Alla tiegħi, binhar jien ngħajjat, billejl jien nitniehed quddiemek.

3Ha tasal it-talba tiegħi għandek, agħti widen għat-talba tiegħi.

4Għax ruħi mimlija bil-hemm, lejn il-qabar qed toqrob ħajti.

5Jien magħdud ma' min nieżel fil-ħofra, sirt qisni bniedem bla saħħa.

6Fost il-mejtin hu friexi, bħall-maqtulin mimduda fil-qabar, li fihom ma tiftakarx iżjed u mhumiex aktar taħt idejk.

7Inti xħettni f'qiegħ il-ħofra, fid-dlamijiet, f'qiegħ l-art.

8Fuqi tagħfas il-qilla tiegħek, fuqi tfajt l-imwieġ kollha tiegħek.

9Hadtli 'l ħbiebi 'l bogħod minni, għamiltni ħaġa ta' għajb għalihom; ninsab magħluq, u ma nistax noħroġ;

10għajnejja mdallma bil-għali. Lilek, Mulej, kuljum insejjaħ, lejk immidd idejja.

11Tagħmel int għeġubijet mal-mejtin, jew se jqumu l-erwieħ biex ifaħħruk?

12Tixxandar fil-qabar it-tjieba tiegħek, jew f'post it-telfien il-fedeltà tiegħek?

13Jingħarfu fid-dlam l-għeġubijiet tiegħek, jew f'art il-minsija l-ġustizzja tiegħek?

14Imma jien, Mulej, lejk ngħajjat, filgħodu għandek tasal it-talba tiegħi.

15Għaliex, Mulej, twarrabni, u taħbi wiċċek minni?

16Imsejken jien, u qisni mejjet sa minn żgħożiti, inħossni mifni, imgħobbi bil-biża' tiegħek.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

17Għaddiet minn fuqi l-qilla tiegħek, fnietni l-imġiba tiegħek tal-biża'.

18Kuljum bħall-ilma jdawruni, flimkien minn kull naħa jagħlquni.

19Int bigħedt minni l-ħbieb u l-qraba, sħabi huma d-dlamijiet.

## Salmi 89

### Iżrael u l-wegħda ta' Alla lil David

1Maskil. Ta' Etan, l-Eżraħi.

2It-tjieba tal-Mulej irrid dejjem ngħanni; f'kull żmien ixandar fommi l-fedeltà tiegħek.

3Għax jien għedt: "Tjubitek tibqa' sħiħa għal dejjem; bħas-smewwiet int wettaqt il-fedeltà tiegħek."

4"Għamilt patt mal-magħżul tiegħi, ħlift lil David, il-qaddej tiegħi:

5'Jien nagħmel li nislek jibqa' għal dejjem, li f'kull żmien jibqa' sħiħ it-tron tiegħek.' "

6Ifaħħru s-smewwiet għeġubijietek, Mulej, u l-fedeltà tiegħek fil-ġemgħa tal-qaddisin.

7Għax min hemm fis-sema daqs il-Mulej? Min jixbah lill-Mulej fost dawk li hemm fis-sema?

8Tal-biża' Alla fil-laqgħa tal-qaddisin, kbir u tal-biża' fuq dawk kollha ta' madwaru.

9Mulej, Alla tal-eżerċti, min hu bħalek? Int qawwi, Mulej, u kollok fedeltà.

10Int taħkem fuq il-baħar imqalleb; meta jqumu l-imwieġ int trażżanhom.

11Int tisħaq 'il Raħab bħal midrub għall-mewt; bi driegħek setgħani tferrex l-għedewwa tiegħek.

12Tiegħek is-smewwiet u tiegħek l-art, id-dinja b'kulma fiha int waqqaftha.

13It-Tramuntana u n-Nofsinhar inti ħlaqthom; b'ismek jifirħu t-Tabor u l-Hermon.

14Driegħ kollu qawwa hu driegħek, b'saħħitha idek, merfugħa lemintek.

15Fuq id-dritt u l-ġustizzja mibni t-tron tiegħek; tjieba u fedeltà jgħaddu quddiemek.

16Hieni l-poplu li jaf jgħajjat bil-ferħ, li jimxi, Mulej, fid-dawl ta' wiċċek.

17B'ismek jithennew il-jum kollu, u bil-ġustizzja tiegħek jifirħu.


© 2020 Malta Bible Society.

18Għax inti l-foħrija tal-qawwa tagħhom; għal tjubitek nerfgħu rasna fl-għoli.

19Għax il-Mulej it-tarka tagħna; il-Qaddis ta' Iżrael is-sultan tagħna.

20Dhert fl-imgħoddi lil ħbiebek u għedtilhom: "Jien qegħedt il-kuruna fuq ras
wieħed qalbieni; ħtart żagħżugħ u għollejtu fuq il-poplu.

21Sibt 'il David, qaddej tiegħi, biż-żejt imqaddes tiegħi dliktu;

22tkun idi dejjem miegħu, u nsaħħu wkoll bi driegħi.

23Ma jgħakksux l-għadu tiegħu; ma jbaxxihx il-bniedem ħażin.

24Inxejjen quddiemu l-għedewwa tiegħu, u nsawwat lil min jobogħdu.

25Miegħu jkunu l-fedeltà u t-tjieba tiegħi; b'ismi tissaħħaħ il-qawwa tiegħu.

26Is-setgħa ta' jdejh nifrex fuq il-baħar; fuq ix-xmajjar taħkem il-leminija tiegħu.

27Hu jsejjaħli: Int missieri u Alla tiegħi, fortizza u salvazzjoni tiegħi!

28U jiena nagħmlu l-iben il-kbir tiegħi, l-ogħla fost is-slaten tal-art.

29It-tjieba tiegħi nżommha fuqu għal dejjem, u l-patt tiegħi miegħu jibqa' sħiħ.

30Nagħmel li nislu jibqa' għal dejjem; it-tron tiegħu jkun bħall-jiem tas-sema.

31Jekk uliedu jħallu l-liġi tiegħi, u ma jimxux skont il-preċetti tiegħi;

32jekk huma jiksru l-liġijiet tiegħi, u ma jħarsux il-kmandamenti tiegħi,

33jien nikkastiga ħtijiethom bil-virga, u bis-swat il-ħażen tagħhom.

34Iżda ma nwarrabx tjubiti minnu; ma niksirx il-kelma li tajtu.

35Ma nonqosx mill-patt tiegħi; ma nerġax lura minn kelmti.

36Ħlift bi qdusiti darba għal dejjem, żgur li b'David ma nqarraqx.

37Nislu għal dejjem jibqa'; it-tron tiegħu bħax-xemx quddiemi.

38Bħall-qamar jibqa' għal dejjem; it-tron tiegħu aktar sod mis-sema."

39Imma int warrabt is-sultan midluk tiegħek; għadabt għalih u begħedtu
minnek.

40Ħassart il-patt mal-qaddej tiegħek; kasbart mal-art il-kuruna tiegħu.

41Ġarraft il-ħitan tiegħu kollha; għamilt ħerba mis-swar tiegħu.

42Kull min jgħaddi minn ħdejh jisirqu; sar iż-żebliħ tal-ġirien tiegħu.

43Qajjimt il-leminija tal-għedewwa tiegħu, ferraħt 'il dawk kollha li huma
kontrih.

44Reġġajtlu lura s-sejf misnun tiegħu; ma waqaftx miegħu fit-taqbida.


© 2020 Malta Bible Society.

45Kissirtlu x-xettru ta' ġieħu; mal-art tfajtlu t-tron tiegħu.

46Qassartlu ż-żmien ta' żgħożitu, u ksejtu bil-mistħija.

47Mulej, se tibqa' għal dejjem tinħeba minna? Se jibqa' ħuġġieġa nar l-għadab
tiegħek?

48Ftakar li ftit huma jiem ħajti. Għal daqshekk int ħlaqtu l-bniedem?

49Min hu li jgħix u ma jarax il-mewt? Min jeħlisha mis-setgħa tal-imwiet?

50Fejn hi, Sidi, it-tjieba tiegħek ta' dari? Fejn hi l-fedeltà li biha ħlift lil David?

51Ftakar, Sidi, kif inhu mkasbar il-qaddej tiegħek; kif qed nilqa' ġo fija ż-żebliħ
tal-popli,

52iż-żebliħ li qed jagħmlulna l-għedewwa tiegħek, Mulej, li qed ikasbru kull ħjiel
tas-sultan midluk tiegħek.

53Imbierek il-Mulej għal dejjem! Ammen! Ammen!

## Salmi 90

### IR-RABA' KTIEB

***Salmi 90—106***

**Ix-xejn tal-bniedem quddiem Alla**

1Talba ta' Mosè, il-bniedem ta' Alla.

Mulej, int kont għalina kenn minn nisel għal nisel.

2Qabel ma twieldu l-muntanji, qabel ma tnisslu l-art u d-dinja, minn dejjem ta'
dejjem int, o Alla!

3Int traġġa' l-bnedmin lejn it-trab, u tgħidilhom: "Erġgħu lura, intom bnedmin!"

4Elf sena huma għalik bħal jum ta' lbieraħ li għadda, jew bħal sahra tal-lejl.

5Int taħsadhom, u jsiru bħal ħolma. Huma bħall-ħaxix li jinbet filgħodu;

6filgħodu jwarrad u jħaddar, filgħaxija jidbiel u jinxef.

7Ninsabu mifnija bil-qilla tiegħek, mibluha minħabba l-għadab tiegħek.

8Int ġibt quddiem għajnejk ħtijietna, dnubietna l-moħbija fid-dawl ta' wiċċek.

9Jiemna kollha jgħibu minħabba qilltek, jintemmu bħal tnehida s-snin ta'
ħajjitna.

10Żmien ħajjitna hu b'kollox sebgħin sena; l-iżjed tmenin, jekk inkunu f'saħħitna;
u l-biċċa l-kbira taħbit u niket; malajr jgħaddu, u aħna mmorru magħhom.

11Min jista' jifhem il-qawwa ta' qilltek? Min jista' jqis il-biża' ta' għadbek?


© 2020 Malta Bible Society.

12Għalhekk għallimna ngħoddu jiem ħajjitna, sabiex aħna nimxu bil-għaqal.

13Dur lejna, Mulej! Kemm se ddum? Henn għall-qaddejja tiegħek.

14Imliena kmieni bit-tjieba tiegħek, biex nifirħu u nithennew ħajjitna kollha.

15Ferraħna daqs kemm għakkistna, għas-snin li fihom rajna l-ħsara.

16Ħa jidher għemilek quddiem il-qaddejja tiegħek, u l-kobor tiegħek quddiem uliedhom.

17Ħa tkun fuqna l-grazzja ta' Alla Sidna! Wettqilna inti x-xogħol ta' jdejna, wettaq, iva, xogħol idejna.

## Salmi 91

### Taħt il-ħarsien ta' Alla

1Int li tgħix għall-kenn tal-Għoli, li tgħammar għad-dell ta' dak li jista' kollox,

2għid lill-Mulej: "Kenn tiegħi u qawwa tiegħi int, Alla tiegħi, jien fik nittama."

3Għax hu jeħilsek mix-xibka tan-nassab, u mill-mard tal-mewt.

4Bir-rix tiegħu jgħattik, u taħt ġwenħajh tistkenn, għax tarka u kurazza l-fedeltà tiegħu.

5Ma tibżax mill-biża' tal-lejl, anqas minn vleġġa li tittajjar binhar,

6minn pesta li tixtered fid-dlam, jew minn marda li ġġib ħerba f'nofsinhar.

7Elf ruħ jaqgħu maġenbek, u għaxart elef fuq lemintek. Imma lejk id-deni ma jersaqx, għax tarka u kurazza l-fedeltà tiegħu.

8Int dan tarah biss b'għajnejk, tara l-ħlas li jieħdu l-ħżiena.

9Għax int għandek il-Mulej kenn tiegħek, għamilt l-Għoli għamara tiegħek.

10Ebda deni ma jiġrilek, ebda ħsara ma tersaq lejn darek.

11Għax l-anġli tiegħu hu jibgħatlek, u jħarsuk fi triqatek kollha.

12Fuq idejhom jerfgħuk, li ma taħbatx ma' xi ġebla riġlek.

13Fuq l-iljun u l-lifgħa int timxi, ferħ ta' ljun u serp int tirfes.

14La tħabbeb miegħi, jien neħilsu; la għaraf ismi, jiena nħarsu.

15Hu jsejjaħli, u jiena nwieġbu; miegħu nkun fid-dwejjaq tiegħu, neħilsu u nerfagħlu ġieħu;

16u b'għomor twil nimlieh, nurih is-salvazzjoni tiegħi.

## Salmi 92


© 2020 Malta Bible Society.

### L-għanja tal-ġust

*1*Salm. Għanja għal jum is-Sibt.

2Tajjeb li nfaħħru l-Mulej, li ngħannu lil ismek, inti l-Għoli,

3Inxandru filgħodu t-tjieba tiegħek, u billejl il-fedeltà tiegħek,

4fuq l-għaxar kordi u fuq l-arpa, u bid-daqq taċ-ċetra.

5Għax inti, Mulej, ferraħtni b'għemilek; għal għemil idejk jien ngħanni bil-ferħ.

6Kemm huma kbar, Mulej, l-għemejjel tiegħek, kemm huma għolja ħsibijietek!

7Il-bniedem bla moħħ ma jagħrafhomx, u l-iblah ma jifhimhomx.

8Imqar jekk iħaddru bħall-ħaxix il-ħżiena, u jwarrdu dawk kollha li jagħmlu l-
ħażen, ilkoll għad jinqerdu għal dejjem.

9Imma inti, Mulej, għal dejjem fl-għoli.

10Għax l-għedewwa tiegħek, Mulej, l-għedewwa tiegħek jintilfu; jitferrxu dawk
kollha li jagħmlu l-ħażen.

11Imma lili daqs gendus saħħaħtni, żejt ifuħ sawwabtli fuqi.

12Għajnejja jaqgħu fuq l-għedewwa tiegħi, widnejja jisimgħu bit-telfa tal-ħżiena
li qamu għalija.

13Il-bniedem ġust bħall-palma jħaddar, bħal ċedru tal-Libanu jikber.

14Imħawlin f'dar il-Mulej, iħaddru fil-btieħi tat-tempju ta' Alla tagħna.

15Sa fi xjuħithom il-frott jagħmlu, kollhom ħajja u ħdura,

16biex ixandru li ġust hu l-Mulej, blata tiegħi, u ebda qerq ma jinsab fih.

## Salmi 93

### Alla sultan kbir

1Il-Mulej isaltan; il-kobor libes, libes il-Mulej u tħażżem bil-qawwa. Iżomm sħiħa
d-dinja; qatt ma titħarrek.

2Imwaqqaf it-tron tiegħek fis-sod minn dejjem; minn dejjem ta' dejjem int.

3Jgħollu x-xmajjar, Mulej, jgħollu x-xmajjar leħinhom, jgħollu x-xmajjar il-ħsejjes
tagħhom.

4Aqwa mill-ħsejjes tal-ilma kotran, aqwa mill-imwieġ tal-baħar, qawwi l-Mulej
fl-għoli.

5Il-kmandamenti tiegħek ta' min joqgħod fuqhom; qdusija lil darek tixraq, Mulej,
sa kemm itul iż-żmien.


© 2020 Malta Bible Society.

# Salmi 94

### Alla jaf jitħallas

1Mulej, Alla li taf titħallas, Alla li taf titħallas, tfaċċa!

2Qum, imħallef tad-dinja, roddilhom li ħaqqhom lill-kburin.

3Kemm se jdumu l-ħżiena, Mulej, kemm se jdumu l-ħżiena jifirħu?

4Kliem kburi joħroġ minn fommhom; kull min jagħmel il-ħażen jiftaħar.

5Huma jkasbru, Mulej, lill-poplu tiegħek, u jgħakksu lill-poplu ta' wirtek.

6Joqtlu l-armla u l-barrani, u l-mewt jagħtu lill-iltiema;

7u jgħidu: "Ma jarax il-Mulej; ma jintebaħx Alla ta' Ġakobb."

8Ifhmuha, intom nies boloh fost il-poplu! Nies bla moħħ, meta se tintebħu?

9Forsi min għamel il-widnejn ma jismax? Jew min sawwar l-għajnejn ma jarax?

10Taħsbu li min iwiddeb lill-ġnus ma jrażżanx? Jew m'għandux għerf min
jgħallem lill-bniedem?

11Jagħraf il-Mulej il-ħsibijiet tal-bniedem, u jaf li mhumiex ħlief frugħa.

12Hieni l-bniedem li int twiddbu, Mulej, li tgħallmu l-liġi tiegħek,

13biex isserrħu f'jiem l-għawġ, sa ma jitħaffer il-qabar għall-ħati.

14Għax il-Mulej ma jitlaqx il-poplu tiegħu, ma jħallix il-poplu, il-wirt tiegħu.

15Għax il-ħaqq jerġa' jsir bil-ġustizzja, u fuqu jimxu dawk kollha ta' qalb safja.

16Min se jaqbeż għalija kontra l-ħżiena? Min se jżomm miegħi kontra min
jagħmel il-ħażen?

17Li kieku l-Mulej ma tanix l-għajnuna, għal ftit ma dħaltx fis-skiet tal-mewt.

18Biżżejjed ngħid: "Qiegħed jiżloq riġli," biex tjubitek, Mulej, tweżinni.

19Meta joktor l-hemm ġo qalbi, il-faraġ tiegħek ihennili ruħi.

20Jistgħu mħallfin ħżiena jissieħbu miegħek, li jagħmlu l-qerq taħt il-libsa tal-
liġi?

21Jiftiehmu bejniethom kontra l-ħajja tal-ġust, u jikkundannaw in-nies bla ħtija.

22Iżda l-Mulej hu fortizza għalija, u Alla tiegħi l-blata tal-kenn tiegħi.

23Hu jdawwar għal fuqhom ħżunithom, għall-ħażen tagħhom jeqridhom;
jeqridhom il-Mulej Alla tagħna!

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

# Salmi 95

### Sejħa għat-tifħir lil Alla u għall-indiema

1Ejjew, ħa nfaħħru bl-hena l-Mulej, ħa ngħajtu bil-ferħ lill-blata tas-salvazzjoni tagħna!

2Nersqu quddiemu b'għana ta' radd il-ħajr, ngħannulu b'għajjat ta' ferħ.

3Għax Alla kbir hu l-Mulej, sultan kbir fuq l-allat kollha.

4F'idejh huma qigħan l-art, tiegħu huma qċaċet l-għoljiet.

5Tiegħu l-baħar, għax hu għamlu; tiegħu l-art, għax b'idejh saret.

6Ejjew inqimuh u ninxteħtu quddiemu, għarkupptejna quddiem il-Mulej li ħalaqna!

7Għaliex hu Alla tagħna, u aħna l-poplu tal-mergħa tiegħu u n-nagħaġ tiegħu. Mhux li kontu llum tisimgħu leħnu!

8"La twebbsux qalbkom bħal f'Meriba, bħal dakinhar f'Massa, fid-deżert,

9meta ġarrbuni u ttantawni missirijietkom, għalkemm raw dak li jien għamilt.

10Għal erbgħin sena domt nistmellu dan in-nisel; u jien għedt: 'Qalbu mħassra dan il-poplu, u triqati ma jagħrfux.'

11Għalhekk ħlift fl-għadab tiegħi: Ma jidħlux fil-mistrieħ tiegħi!"

# Salmi 96

### Tifħir lis-Sultan tad-dinja

1Għannu lill-Mulej għanja ġdida; għannu lill-Mulej fl-art kollha!

2Għannu lill-Mulej, bierku ismu! Habbru minn jum għal ieħor is-salvazzjoni tiegħu.

3Xandru fost il-ġnus is-sebħ tiegħu, fost il-popli kollha l-għeġubijiet tiegħu.

4Għax kbir il-Mulej, ta' min ifaħħru ħafna, tal-biża' aktar mill-allat kollha.

5Għax kollha frugħa l-allat tal-popli; Jaħweh hu li għamel is-smewwiet!

6Ġmiel u sebħ huma quddiemu, qawwa u sbuħija fis-santwarju tiegħu.

7Agħtu lill-Mulej, familji tal-popli, agħtu lill-Mulej sebħ u qawwa;

8agħtu lill-Mulej is-sebħ ta' ismu! Ġibulu l-offerti, u idħlu fil-btieħi tat-tempju tiegħu;

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

9inxteħtu quddiem il-Mulej b'tiżjin qaddis; triegħdu quddiemu, nies kollha tal-
art!

10Għidu fost il-ġnus: "Il-Mulej isaltan!" Hu jżomm sħiħa d-dinja biex qatt ma
titħarrek; hu li jiġġudika l-popli bis-sewwa.

11Ħa jifirħu s-smewwiet u tithenna l-art, ħa jħabbat il-baħar u kulma fih,

12ħa jifraħ ir-raba' u kulma fih, u jgħannu bil-ferħ is-siġar kollha tal-bosk

13quddiem il-Mulej, għax ġej, għax ġej biex jagħmel ħaqq mill-art. Hu jagħmel
ħaqq mid-dinja bil-ġustizzja, u mill-popli bis-sewwa tiegħu.

## Salmi 97

### Is-setgħa u l-kobor ta' Alla Sultan

1Il-Mulej isaltan! Ħa taqbeż l-art bil-ferħ, u jifirħu l-ħafna gżejjer!

2Sħab u dlam hemm madwaru; is-sewwa u l-ħaqq is-sisien tat-tron tiegħu.

3In-nar jimxi quddiemu, u jeqred madwaru l-għedewwa tiegħu.

4Il-beraq tiegħu jdawwal id-dinja; tara dan l-art u titriegħed.

5Bħax-xama' jdubu l-muntanji quddiem il-Mulej, quddiem is-Sid tal-art kollha.

6Ixandru s-smewwiet il-ġustizzja tiegħu; jaraw il-popli kollha s-sebħ tiegħu.

7Jinfixlu dawk kollha li jqimu l-idoli, li jiftaħru bix-xbihat fiergħa tagħhom; u
quddiemu jinxteħtu l-allat kollha.

8Tisma' dan u tifraħ Sijon, jaqbżu bil-ferħ l-ibliet ta' Ġuda, minħabba l-ġustizzja
tiegħek, Mulej.

9Għax int, Mulej, inti l-Għoli, 'il fuq mill-art kollha, ogħla ħafna mill-allat.

10Iħobb il-Mulej lil min jobgħod il-ħażen, iħares il-ħajja ta' ħbiebu, jeħlishom
minn idejn il-ħżiena.

11Ifeġġ id-dawl fuq il-ġust, u l-hena għal qalb in-nies sewwa.

12Ifirħu, ġusti, fil-Mulej, u faħħru l-isem qaddis tiegħu.

## Salmi 98

### Ferħ u tifħir wara r-rebħa

1Salm.

Għannu lill-Mulej għanja ġdida, għax għamel ħwejjeġ tal-għaġeb. Ġibitlu r-rebħa
l-leminija tiegħu, u d-driegħ imqaddes tiegħu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

2Għarraf il-Mulej is-salvazzjoni tiegħu, f'għajnejn il-ġnus wera l-ġustizzja tiegħu.

3Ftakar fit-tjieba u l-fedeltà tiegħu mal-poplu ta' Iżrael. L-art kollha, minn tarf għall-ieħor, rat is-salvazzjoni ta' Alla tagħna.

4Għajtu bil-ferħ lill-Mulej fl-art kollha, infexxu fil-hena, ifirħu u għannu!

5Għannu lill-Mulej biċ-ċetra, biċ-ċetra u bil-ħlewwa tal-għana,

6bit-trombi u bid-daqq tat-trumbetti; għajtu bil-ferħ quddiem il-Mulej is-sultan!

7Ħa jriegħed il-baħar u kulma fih, id-dinja u kulma jgħammar fiha.

8Ħa jċapċpu x-xmajjar idejhom, u l-muntanji flimkien jgħajtu bil-ferħ

9quddiem il-Mulej, għax ġej biex jagħmel ħaqq mill-art; hu jagħmel ħaqq mid-dinja bil-ġustizzja, u mill-popli bis-sewwa.

## Salmi 99

### Alla sultan ġust

1Il-Mulej isaltan; jitkexkxu l-ġnus! Fuq il-kerubini t-tron tiegħu; ħa titheżżeż l-art!

2Kbir il-Mulej f'Sijon; hu jaħkem fuq il-popli kollha.

3Ħa jfaħħru ismek, kbir u tal-biża', għax hu qaddis u qawwi.

4Int sultan li tħobb il-ġustizzja u waqqaft is-sewwa; id-dritt u s-sewwa tagħmel ma' Ġakobb.

5Għollu bit-tifħir lill-Mulej, Alla tagħna, inxteħtu quddiem mirfes riġlejh, għax hu qaddis!

6Mosè u Aron fost il-qassisin tiegħu, u Samwel fost dawk li jsejħu ismu, kienu jsejħu l-Mulej, u hu jweġibhom.

7F'kolonna ta' sħab kien jitkellem magħhom; kienu jħarsu l-preċetti u l-liġi li tahom.

8Mulej, Alla tagħna, inti smajthom; int Alla li tagħder kont għalihom; iżda tħallast tal-imġiba ħażina tagħhom.

9Għollu bit-tifħir lill-Mulej, Alla tagħna, u nxteħtu quddiem l-għolja mqaddsa tiegħu; għax qaddis hu l-Mulej, Alla tagħna!

## Salmi 100

### Sejħa għat-tifħir fit-tempju

1Salm. Għal radd il-ħajr.


© 2020 Malta Bible Society.

Għajtu bil-ferħ lill-Mulej, nies kollha tal-art,

2aqdu bil-ferħ lill-Mulej, idħlu quddiemu b'għana ferrieħi.

3Kunu afu li Jaħweh hu Alla, hu ħalaqna, u aħna tiegħu, aħna l-poplu tiegħu u n-
nagħaġ tal-mergħa tiegħu.

4Idħlu b'għana ta' ħajr mill-bibien tiegħu, bit-tifħir fil-btieħi tat-tempju tiegħu;
roddulu ħajr u bierku ismu!

5Għax twajjeb il-Mulej, għal dejjem it-tjieba tiegħu; minn żmien għal żmien il-
fedeltà tiegħu.

## Salmi 101

### L-imġiba tajba tal-mexxejja tal-poplu

1Salm ta' David.

Ngħanni u nxandar it-tjieba u l-ġustizzja; lilek, Mulej, irrid ngħanni.

2Irrid nimxi bl-għaqal fit-triq il-perfetta; meta sa tiġi għandi? Inġib ruħi b'qalb
safja ġewwa dari;

3ebda ħaġa ħażina ma nżomm quddiem għajnejja. Nobgħod 'il min jagħmel il-
ħażen, u ma norbotx qalbi miegħu.

4Qalb imħassra nżommha 'l bogħod minni; il-ħażin ma rridx naf bih.

5Min iqassas bil-moħbi fuq għajru, lil dan jien neqirdu. Min għajnejh merfugħa u
qalbu mkabbra, ma nistax inġerrgħu.

6Inżomm għajnejja fuq it-twajbin tal-art, biex dawn joqogħdu miegħi. Min jimxi
fit-triq il-perfetta, dan hu li jaqdini.

7Ma jgħammarx f'dari min jimxi bil-qerq; ma jżommx quddiemi min jitkellem
bil-gideb.

8Għodwa wara l-oħra neqred il-ħżiena kollha tal-art, biex inwarrab mill-belt tal-
Mulej 'il kull min jagħmel il-ħażen.

## Salmi 102

### Krib u talb fl-hemm

1Talba ta' wieħed imnikket, li fit-telqa tiegħu jiftaħ qalbu mdejqa quddiem il-
Mulej.

2Mulej, isma' t-talba tiegħi, ħa tasal għandek l-għajta tiegħi.


© 2020 Malta Bible Society.

[3]Taħbix wiċċek minni f'jum id-dwejjaq tiegħi; ressaq widintek lejja, meta nsejjaħlek fittex weġibni!

[4]Għax jiemi bħal duħħan jgħibu; u għadmi bħal ħuġġieġa jaqbad.

[5]Nixfet qalbi bħal ħaxix maqtugħ; ninsa niekol sal-ħobż tiegħi.

[6]Bl-ilfiq qawwi tiegħi sirt għadma u ġilda.

[7]Qisni xi tajra fix-xagħri; sirt bħal kokka qalb xi ħerba.

[8]Nibqa' mqajjem u nitniehed, bħal għasfur waħdu fuq bejt.

[9]Il-jum kollu jgħajruni l-għedewwa tiegħi, jixegħlu għalija u jidgħu bija.

[10]Niekol l-irmied bħal ħobż, u x-xorb tiegħi bid-dmugħ inħallat,

[11]minħabba l-għadab u s-saħna tiegħek, għax inti rfajtni, u mbagħad tlaqtni.

[12]Jiemi qed jonqsu bħad-dell ta' filgħaxija; u jien bħal ħaxix qiegħed ninxef.

[13]Imma int, Mulej, għal dejjem tibqa'; minn nisel għal nisel it-tifkira tiegħek.

[14]Inti tqum u tħenn għal Sijon, għax hu ż-żmien u l-waqt li tħenn.

[15]Għax għażiż għall-qaddejja tiegħek il-ġebel tagħha; tiġihom ħasra mit-trab tagħha.

[16]Ħa jkollhom il-ġnus il-biża' ta' ismek, Mulej, u s-slaten kollha tal-art il-biża' tas-sebħ tiegħek,

[17]meta l-Mulej jerġa' jibni lil Sijon, u jidher fis-sebħ tiegħu.

[18]U jisma' t-talb tal-mitluqin, ma jistmellx it-talb tagħhom.

[19]Jinkiteb dan għan-nisel li għad jiġi, u poplu ġdid għad ifaħħar lill-Mulej.

[20]Il-Mulej iħares 'l isfel mill-għoli tas-santwarju tiegħu, u jittawwal mis-sema lejn l-art,

[21]biex jisma' l-krib tal-ilsiera, biex jeħles 'il dawk li huma għall-mewt.

[22]U hekk jixxandar f'Sijon isem il-Mulej, u f'Ġerusalemm it-tifħir tiegħu,

[23]meta l-popli flimkien jinġemgħu, u saltniet biex jaqdu l-Mulej.

[24]Neħħieli saħħti f'nofs it-triq, qassarli ż-żmien ta' ħajti.

[25]Jien ngħidlu: "Alla tiegħi, la teħodnix f'nofs ħajti, la darba żmienek idum għal dejjem.

[26]L-art int waqqaftha sa mill-bidu; għemil idejk huma s-smewwiet.

[27]Huma jgħaddu, imma int tibqa'; bħal libsa huma lkoll jiqdiemu, tbiddilhom bħal libsa u jintemmu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

28Imma int li int tibqa'; bla tmiem huma s-snin tiegħek.

29Ulied il-qaddejja tiegħek ikollhom darhom; nisilhom jibqa' għal dejjem
quddiemek."

## Salmi 103

### L-imħabba u l-ħniena ta' Alla

1Ta' David.

Bierek, ruħ tiegħi, il-Mulej! B'qalbi kollha nbierek l-isem qaddis tiegħu.

2Bierek, ruħ tiegħi, il-Mulej, u la tinsiex il-ġid kollu li għamel miegħek.

3Hu li jaħfer dnubietek kollha; ifejjaq il-mard tiegħek kollu;

4jifdi lil ħajtek mill-qabar; iħaddnek bit-tjieba u l-ħniena;

5ixabba' bil-ġid snin ħajtek, u bħal tal-ajkla tiġġedded żgħożitek.

6Il-Mulej jagħmel is-sewwa, u l-ħaqq mal-maħqurin kollha.

7Hu għarraf lil Mosè l-ħsieb tiegħu, l-għemejjel tiegħu lil ulied Iżrael.

8Ħanin u twajjeb il-Mulej, idum ma jagħdab u kollu mogħdrija.

9Ma joqgħodx jitlewwem magħna, u anqas jinkorla għal dejjem.

10Ma mexiex magħna skont ma ħaqqhom ħtijietna; ma ħallasniex skont ma
ħaqqha ħżunitna.

11Daqskemm huma s-smewwiet 'il fuq mill-art, hekk hi kbira tjubitu ma' min
jibża' minnu;

12daqs kemm hu mbiegħed il-Lvant mill-Punent, hekk hu jbiegħed minna
ħtijietna.

13Bħalma jħenn il-missier għal uliedu, hekk iħenn il-Mulej għal min għandu l-
biża' tiegħu.

14Għax hu jaf kif aħna magħġuna, jiftakar li aħna trab.

15Bħall-ħaxix il-ħajja tal-bniedem, bħall-fjur tar-raba', hekk jikber.

16Tgħaddi ż-żiffa minn fuqu, u jispiċċa, u ħadd aktar ma jagħraf fejn kien.

17Imma t-tjieba tal-Mulej minn dejjem għal dejjem ma' dawk li għandhom il-biża'
tiegħu, u s-sewwa tiegħu ma' wlied uliedhom;

18ma' dawk li jħarsu l-patt tiegħu, u jiftakru fil-preċetti tiegħu u jħarsuhom.

19Waqqaf il-Mulej it-tron tiegħu fis-sema, u saltnatu fuq kollox taħkem.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

20Bierku l-Mulej, anġli tiegħu kollha, setgħana u qawwija li tagħmlu l-ordni tiegħu, malli tisimgħu leħen il-kelma tiegħu.

21Bierku l-Mulej, eżerċti tiegħu kollha, qaddejja tiegħu, li tagħmlu r-rieda tiegħu.

22Bierku l-Mulej, għemejjel tiegħu kollha, kullimkien fis-saltna tiegħu. Bierek, ruħ tiegħi, il-Mulej!

## Salmi 104

### Tifħir lil Alla l-ħallieq

1Bierek ruħ tiegħi, il-Mulej! Mulej, Alla tiegħi, inti kbir bil-bosta! Bis-sebħ u l-ġmiel inti mlibbes,

2bid-dawl, bħal b'mantell, inti mkebbeb. Inti frixt is-smewwiet bħal tinda,

3waqqaft fuq l-ilma l-għamajjar għolja tiegħek. Inti tagħmel is-sħab mirkeb tiegħek, fuq ġwienaħ ir-riħ tiġġerra.

4L-irjieħ tagħmilhom ħabbara tiegħek, u l-ilsna tan-nar qaddejja tiegħek.

5Int waqqaft l-art fuq is-sisien tagħha, b'mod li qatt ma titħarrek;

6bl-ibħra, bħal b'libsa, inti ksejtha; u l-ilmijiet waqfu fuq qċaċet l-għoljiet.

7Malli inti ċċanfarhom, jaħarbu; malli jriegħed leħnek, jitkexkxu.

8Mal-għoljiet jogħlew, fil-widien jinżlu; posthom, li int tajthom, jieħdu.

9Ma jaqbżux it-tarf li int ħażżiżtilhom, biex qatt aktar ma jerġgħu jgħattu l-art.

10L-għejun tifthilhom għal ġol-widien, u huma jiġru qalb l-għoljiet.

11Jisqu l-bhejjem kollha tar-raba', u l-ħmir selvaġġi jaqtgħu l-għatx tagħhom.

12Ħdejhom jgħammru l-għasafar tal-ajru, minn qalb il-friegħi jsemmgħu l-għana tagħhom.

13Inti ssaqqi l-muntanji mill-imħażen għolja tiegħek, u tixba' l-art bil-frott ta' għemilek.

14Inti tnibbet il-ħdura għall-bhejjem, u l-ħxejjex li bihom jinqeda l-bniedem, biex joħroġ il-ħobż mill-art,

15inbid li jferraħ qalb il-bniedem, żejt li jsebbħilhom wiċċhom, u ħobż li jsaħħilhom qalbhom.

16Jixbgħu bl-ilma s-siġar tal-Mulej, iċ-ċedri tal-Libanu li hu ħawwel.

17Fihom ibejtu l-għasafar, iċ-ċikonja tgħammar fil-qċaċet tagħhom.

18Fl-għoljiet il-kbar joqogħdu ċ-ċriev, l-irdum jagħti l-kenn lill-fniek tax-xagħri.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

19Il-qamar int għamilt biex juri ż-żmien, u lix-xemx urejtha xħin għandha tinżel.

20Titfa' d-dlam, u jsir il-lejl; fih jiġġerrew il-bhejjem kollha tal-bosk.

21Frieħ l-iljun jgħajtu biex jaħtfu, jittallbu mingħand Alla l-ikel tagħhom.

22Malli titla' x-xemx jinġabru, fl-għerien tagħhom jitgeddsu.

23U l-bniedem joħroġ għax-xogħol, u jibqa' jaħdem sa filgħaxija.

24Kemm huma kotrana l-għemejjel tiegħek, Mulej! Kollha bl-għerf għamilthom;
Mimlija l-art bil-ħlejjaq tiegħek.

25Dan il-baħar ta' kobor u wisa' bla tarf, li fih jimraħ ħut bla għadd; bhejjem
żgħar u bhejjem kbar.

26Id-dgħajjes jimxu fuq il-mewġ tiegħu, fih jitliegħeb il-Levjatan, li int għamilt.

27Minnek jistennew il-ħlejjaq kollha li tagħtihom ikilhom f'waqtu.

28Inti tagħtihom, u huma jiġbru; tiftaħ idejk, u jixbgħu bil-ġid.

29Jekk taħbi wiċċek, huma jinfixlu; jekk teħdilhom nifishom, imutu, u lejn it-trab
jerġgħu jmorru.

30Malli tibgħat in-nifs tiegħek, jinħolqu, u inti ġġedded il-wiċċ tal-art.

31Jibqa' sebħ il-Mulej għal dejjem! Jifraħ il-Mulej bl-għemejjel tiegħu!

32Kif hu jħares lejn l-art titheżżeż; kif imiss l-għoljiet, idaħħnu.

33Ngħanni lill-Mulej tul ħajti kollha, indoqq lil Alla tiegħi kemm indum ħaj.

34Ħa togħġbu l-għanja tiegħi, għax jiena fil-Mulej l-hena tiegħi.

35Jintemmu minn fuq l-art il-midinbin, u jgħibu l-ħżiena. Bierek, ruħ tiegħi, il-
Mulej. Hallelujah!

## Salmi 105

### It-tjieba ta' Alla ma' Iżrael

1Faħħru l-Mulej u xandru ismu, għarrfu lill-ġnus bl-għemejjel tiegħu.

2Għannulu u doqqulu, xandru l-għeġubijiet tiegħu kollha.

3Ftaħru bl-isem qaddis tiegħu; tifraħ il-qalb ta' dawk li jfittxu l-Mulej.

4Ħabirku biex tagħrfu l-Mulej u l-qawwa tiegħu, fittxu 'l wiċċu l-ħin kollu.

5Ftakru fil-ħwejjeġ kbar li għamel, fl-għeġubijiet u l-ġudizzji tiegħu.

6Nisel Abraham, il-qaddej tiegħu, ulied Ġakobb, il-maħtur tiegħu,

7Jaħweh hu Alla tagħna! Mal-art kollha l-ġudizzji tiegħu!

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

8Jiftakar għal dejjem fil-patt tiegħu, fil-kelma li ta għal elf nisel,
9fil-patt li għamel ma' Abraham, fil-wegħda li ħalef lil Iżakk,
10li ġedded lil Ġakobb b'liġi, lil Iżrael b'patt għal dejjem,
11meta qal: "Lilek nagħti l-art ta' Kangħan, bħala sehem wirtkom."
12Ftit kienu għadhom jgħoddu, ma kinux ħlief ftit barranin f'dik l-art,
13jiġġerrew minn ġens għal ieħor, minn saltna għal għand poplu ieħor.
14Hu ma ħalla 'l ħadd jaħqarhom; slaten rażżan minħabba fihom:
15"Tmissux 'il dawk li huma kkonsagrati lili, tagħmlux deni lill-profeti tiegħi."
16Imbagħad bagħat il-ġuħ fuq l-art, qerdilhom il-qamħ minn wiċċ ir-raba' tagħhom.
17Kien bagħat qabilhom raġel, 'il Ġużeppi, mibjugħ bi lsir.
18Rabtulu riġlejh bil-ktajjen, dawrulu l-ħadid ma' għonqu,
19sakemm seħħ dak li kien ħabbar, u l-kelma tal-Mulej rebbieħ ħarġitu.
20Is-sultan bagħat iħollu, dak li jaħkem il-popli ħelsu.
21Għamlu sid fuq id-dar tiegħu, ħallielu f'idejh ġidu kollu,
22biex jgħallem hu stess lill-kbarat, u juri l-għerf lill-kapijiet tiegħu.
23Imbagħad Iżrael niżel fl-Eġittu, Ġakobb għex barrani fl-art ta' Ham.
24U kattar ħafna l-poplu tiegħu, saħħu aktar mill-għedewwa tiegħu.
25Dawrilhom qalbhom biex jobogħdu l-poplu tiegħu, biex jimxu bil-qerq mal-qaddejja tiegħu.
26Bagħat lil Mosè, il-qaddej tiegħu, u lil Aron, li hu kien għażel.
27Wera bihom għeġubijietu, ħwejjeġ tal-għaġeb fl-art ta' Ham.
28Bagħat id-dlam, u dalam; iżda huma webbsu rashom għal kliemu.
29Biddlilhom l-ilma f'demm, qerdilhom il-ħut tagħhom.
30Arthom imtliet biż-żrinġijiet, sa ġol-kmamar tas-slaten tagħhom.
31Mal-kelma tiegħu ġew qtajja' ta' dubbien, u nemus ma' arthom kollha.
32Tahom is-silġ minflok ix-xita; ilsna tan-nar ileħħu f'arthom.
33Laqtilhom id-dwieli u s-siġar tat-tin, qerdilhom is-siġar tar-raba' tagħhom.
34Mal-kelma tiegħu ġew il-ġradijiet, ġradijiet żgħar li ħadd ma jgħoddhom.
35U belgħu l-ħxejjex kollha f'arthom, kielu l-frott tar-raba' tagħhom.


© 2020 Malta Bible Society.

36Qatel l-ulied il-kbar kollha ta’ arthom, l-ewwel frott tas-saħħa tagħhom.

37Ħariġhom mgħobbija bil-fidda u d-deheb, ħadd ma kien għajjien fit-tribù tagħhom.

38Ferħu l-Eġizzjani bit-tluq tagħhom, għax fuqhom kien waqa’ l-biża’ tagħhom.

39Firex sħaba biex ikenninhom, xegħel in-nar għad-dawl billejl.

40Talbuh u bagħtilhom is-summien; temagħhom sax-xaba’ bil-ħobż mis-sema.

41Xaqqaq blata u minnha ħareġ l-ilma, li ġera mad-deżert bħal xmara.

42Għax ftakar fil-kelma qaddisa tiegħu, u f’Abraham, il-qaddej tiegħu.

43U ħareġ bil-ferħ lill-poplu tiegħu, b’għajjat ta’ ferħ lill-magħżulin tiegħu.

44U tahom artijiet il-ġnus, u xogħol il-popli wirtuh huma,

45biex iħarsu l-kmandamenti tiegħu, u jżommu l-liġijiet tiegħu. Hallelujah!

## Salmi 106

### Stqarrija tal-poplu ta’ Alla

1Hallelujah! Roddu ħajr lill-Mulej, għax hu tajjeb, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu!

2Min jista’ jsemmi l-għemejjel kbar tal-Mulej, jew isemma’ t-tifħir tiegħu kollu?

3Hieni min jimxi bid-dritt, min jagħmel dejjem is-sewwa.

4Ftakar fija, Mulej, fi mħabbtek għall-poplu tiegħek; aħseb fija bis-salvazzjoni tiegħek,

5biex nara l-ġid tal-magħżulin tiegħek, biex nifraħ għall-ferħ ta’ ġensek, u niftaħar mal-poplu ta’ wirtek.

6Aħna dnibna, bħal missirijietna, waqajna fil-ħtija, għamilna l-ħażen.

7Missirijietna fl-Eġittu ma għarfux l-għeġubijiet tiegħek, ma ftakrux fit-tjieba kbira tiegħek; u ħaduha kontra Alla l-Għoli ħdejn il-Baħar tal-Qasab.

8Iżda hu salvahom minħabba f’ismu, biex juri l-qawwa tiegħu.

9Ċanfar lill-Baħar tal-Qasab, u dan nixef; mexxiehom f’qiegħ il-baħar bħal f’deżert.

10Salvahom minn id dawk li jobogħduhom; fdiehom minn id l-għedewwa tagħhom.

11L-ilma għatta lil dawk li għakksuhom; anqas wieħed ma baqa’ minnhom.

12Imbagħad emmnu fi kliemu, u għana ta’ tifħir għannewlu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

13Iżda malajr insew għemilu; mank stennew li jseħħ ħsiebu.

14U qabdithom kilba bla lġiem fid-deżert, u ġarrbu lil Alla fix-xagħri,

15u tahom kulma talbuh, anzi fgahom bl-ikel sa mnifsejhom.

16Ġiethom l-għira għal Mosè fl-għerejjex, u għal Aron, il-qaddis tal-Mulej.

17Infetħet l-art u belgħet 'il Datan, u għalqet taħtha 'l Abiram u 'l sħabu.

18Haraq in-nar il-ġemgħa tan-nies tagħhom, nqerdu l-ħżiena fil-ħuġġieġa tan-
nar.

19Għamlu għoġol ħdejn il-Horeb, qiemu xbieha tal-metall imdewweb.

20Bidlu 'l Alla, il-glorja tagħhom, ma' xbieha ta' gendus jiekol il-ħaxix.

21U nsew 'l Alla, li salvahom, li għamel ħwejjeġ kbar fl-Eġittu,

22għeġubijiet fl-art ta' Ham, ħwejjeġ tal-biża' fil-Baħar tal-Qasab.

23Kien għamel il-ħsieb li jeqridhom, li ma kienx għal Mosè, il-magħżul tiegħu, li
waqaf fis-selħa tas-sur quddiemu, biex iberrdu u ma jeqridhomx.

24Imbagħad maqdru l-art li tgħaxxaq, għax ma emmnux fil-kelma tiegħu.

25Qagħdu jgergru fl-għerejjex tagħhom, ma ridux jisimgħu leħen il-Mulej.

26Għalhekk rafa' idu kontrihom, b'ħalfa li jmiddhom fid-deżert,

27li fost il-ġnus ixerred 'l uliedhom u mal-artijiet iferrixhom.

28Huma ngħataw lil Bagħal-pegħor, kielu mill-vittmi maqtula lill-allat mejta.

29Irrabjawh bl-imġiba tagħhom, u marda kerha faqqgħet fosthom.

30Qam imbagħad Fineħas u tħallas, u l-kastig waqaf għalkollox.

31Dan swielu għall-ġid tiegħu, minn nisel għal nisel, għal dejjem.

32Inkurlawh ukoll ħdejn l-ilma ta' Meriba, imqar Mosè weħel minħabba fihom;

33għax huma tellfulu sabru, u qal dak li ġie fi lsienu.

34Huma ma qerdux il-popli, kif il-Mulej kien qalilhom;

35imma tħalltu mal-ġnus, u tgħallmu d-drawwiet tagħhom.

36Taw qima lill-idoli tagħhom, li saru bħal nassa għalihom.

37Qatlu b'sagrifiċċji lix-xjaten lil uliedhom subien u bniet.

38Xerrdu demm bla ħtija, demm uliedhom subien u bniet, li ssagrifikaw lill-idoli
ta' Kangħan; u l-art tniġġset bid-dmija.

39Hekk tħassru bl-għemejjel tagħhom, u żnew bl-imġiba tagħhom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

40Għalhekk inkorla l-Mulej għall-poplu tiegħu, u stmell il-wirt tiegħu.

41U telaqhom f'idejn il-ġnus, ħakmuhom dawk li jobogħduhom.

42Għakksuhom l-għedewwa tagħhom, u kellhom joqogħdu taħt idejhom.

43Ħafna drabi hu ħelishom, iżda huma webbsu rashom miegħu, u ġġarrfu bil-
ħażen tagħhom.

44Iżda hu ħares lejn l-hemm tagħhom, xħin sama' t-tnehid tagħhom.

45Ftakar fil-patt tiegħu magħhom; u fit-tjieba kbira tiegħu ħenn għalihom.

46U għamel li jsibu l-ħniena minn dawk kollha li kienu jassruhom.

47Salvana, Mulej, Alla tagħna, u iġmagħna minn fost il-ġnus, biex irroddu ħajr lill-
isem qaddis tiegħek u niftaħru bit-tifħir tiegħek.

48Imbierek il-Mulej, Alla ta' Iżrael, minn dejjem għal dejjem! Ħa jgħid il-poplu
kollu: "Ammen!" Hallelujah!

## Salmi 107

### IL-ĦAMES KTIEB

***Salmi 107—150***
**Alla jsalvana minn kull periklu**

1Roddu ħajr lill-Mulej, għax hu tajjeb, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

2Ħa jgħidu hekk il-mifdijin tal-Mulej, dawk li hu fdiehom mill-ħakma tal-għadu;

3ġabarhom minn ħafna artijiet, mil-Lvant u l-Punent, mit-Tramuntana u n-
Nofsinhar.

4Kienu jiġġerrew fid-deżert, u jterrqu fix-xagħri; belt fejn jgħammru ma sabux.

5Bil-għatx u bil-ġuħ, saħħithom bdiet tħallihom.

6Għajtu lill-Mulej fl-hemm tagħhom, u mid-dwejjaq tagħhom ħelishom.

7U qabbadhom it-triq it-tajba, biex imorru f'belt fejn jgħammru.

8Ħa jroddu ħajr lill-Mulej għal tjubitu, għall-għeġubijiet tiegħu mal-bnedmin.

9Għaliex hu jxabba' lil min hu bil-għatx, u jimla bil-ġid lil min hu bil-ġuħ.

10Kienu fid-dlam u f'dell il-mewt, miżmuma fl-għaks u l-ktajjen,

11għax ħaduha kontra l-kelma ta' Alla, u warrbu l-ħsieb tal-Għoli.

12Għalhekk b'xogħol iebes għakkishom; waqgħu mitluqa bla ma sabu għajnuna.

13Għajtu lill-Mulej fl-hemm tagħhom, u mid-dwejjaq tagħhom ħelishom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

14U ħariġhom mid-dlam u minn dell il-mewt, u kisser il-ktajjen tagħhom.

15Ħa jroddu ħajr lill-Mulej għal tjubitu, għall-għeġubijiet tiegħu mal-bnedmin.

16Kisser il-bwieb tal-bronż, u qaċċat l-istaneg tal-ħadid.

17Infnew minħabba l-imġiba ħażina tagħhom; sofrew minħabba ħżunithom.

18L-ikel kien jiġihom ħażin; kienu waslu sa wara bieb il-mewt.

19Għajtu lill-Mulej fl-hemm tagħhom, u mid-dwejjaq tagħhom ħelishom.

20Bagħat il-kelma tiegħu u fejjaqhom, u ħelishom mit-telfien.

21Ħa jroddu ħajr lill-Mulej għal tjubitu, għall-għeġubijiet tiegħu mal-bnedmin.

22U joffrulu sagrifiċċji ta' radd il-ħajr, u jxandru l-għemejjel tiegħu b'għana
ferrieħi.

23Dawk li jbaħħru fuq l-iġfna, li jinnegozjaw fuq l-ibħra bla tarf,

24raw l-opri tal-Mulej u l-għeġubijiet tiegħu f'qiegħ il-baħar.

25Hu ordna u qajjem riefnu, li qanqal imwieġ il-baħar.

26Għolew sas-smewwiet u niżlu sa qiegħ il-baħar; qalbhom bdiet tferfer bil-biża'.

27Bdew jitbandlu u jixxenglu bħal nies fis-sakra, u s-sengħa tagħhom xejn ma
switilhom.

28Għajtu lill-Mulej fl-hemm tagħhom, u mid-dwejjaq tagħhom ħelishom.

29U bidel ir-riefnu f'żiffa, u sikket mewġ il-baħar.

30Huma ferħu għax ibbnazza; u hu wassalhom sal-port li xtaqu.

31Ħa jroddu ħajr lill-Mulej għal tjubitu, għall-għeġubijiet tiegħu mal-bnedmin.

32Ikabbruh fil-ġemgħa tal-poplu, u jfaħħruh fil-laqgħa tal-kbarat.

33Hu jbiddel ix-xmajjar f'deżert, u n-nixxigħat f'art niexfa.

34Art tajba jibdilha f'art mielħa, minħabba l-ħażen ta' dawk li jgħixu fiha.

35Hu jbiddel id-deżert f'għadajjar, u l-art niexfa f'nixxigħat tal-ilma.

36Hemmhekk lill-imġewħin jagħtihom fejn jgħammru; u huma jibnu l-belt fejn
joqogħdu.

37Jiżirgħu r-raba' u jħawlu d-dwieli, u jiġbru ħafna frott.

38Hu jberikhom u joktru ħafna, ma jnaqqsilhomx l-imrieħel tagħhom.

39Jekk jiġu li jonqsu u jintelqu, magħkusa mill-hemm u mill-għali,

40hu jixħet it-tmaqdir fuq il-kbarat, u jitlaqhom jiġġerrew f'deżert bla triqat.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

41Imma joħroġ mill-hemm lill-imsejkna, u jkattrilhom bħal merħla ’l nieshom.

42Jaraw dan it-twajbin u jifirħu, u l-ħżiena kollha jagħlqu ħalqhom.

43Min hu bil-għaqal iżomm dan f’moħħu, u jifhem it-tjieba tal-Mulej.

## Salmi 108

### Talba għar-rebħa

1Għanja. Salm ta’ David.

2Sħiħa qalbi, o Alla! Ha ngħanni u ninseġ għanja:

3Qum, ruħ tiegħi, qum arpa u ċetra! Ħa nqajjem sbieħ il-jum!

4Infaħħrek, Mulej, fost il-popli, ngħannilek fost il-ġnus;

5għax m’ogħla s-smewwiet it-tjieba tiegħek, sas-sħab il-fedeltà tiegħek.

6Ogħla ’l fuq mis-smewwiet, o Alla! Uri l-glorja tiegħek fuq l-art kollha,

7biex ikunu meħlusa l-għeżież tiegħek; għinna bil-leminija tiegħek u weġibna!

8Tkellem Alla fis-santwarju tiegħu: “Ferħan nieħu b’sehmi lil Sikem, nagħmel
oqsma mill-wied ta’ Sukkot.

9Tiegħi hu Gilgħad, tiegħi Manassi, Efrajm hu l-elmu ta’ rasi, u Ġuda x-xettru
tiegħi.

10Mowab lenbija fejn ninħasel, fuq Edom inqiegħed il-qorq tiegħi, fuq Filistja
nifraħ rebbieħ!”

11Min se jwassalni sal-belt bis-swar? Min se jeħodni sa Edom?

12Mhux int, o Alla, li warrabtna, u li m’għadekx toħroġ mal-eżerċti tagħna?

13Agħtina l-għajnuna kontra l-għadu; għax xejn ma tiswa l-għajnuna tal-
bniedem.

14Bl-għajnuna ta’ Alla nuru ħilitna; hu li jisħaq l-għedewwa tagħna.

## Salmi 109

### Talba kontra min ixerred il-kalunji

1Għall-mexxej tal-kor. Salm ta’ David.

O Alla, li jiena nfaħħar, tibqax sieket!

2Għax nies ħżiena u qarrieqa fetħu fommhom kontrija; tkellmu u gidbu fuqi.

3Bi kliem il-mibegħda dawruni, għal xejn b’xejn ħaduha kontrija.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

4Għad li jien ħabbejthom, huma jixluni; imma jiena bqajt nitlob.

5Iħallsuni għall-ġid bid-deni, u għal imħabbti bil-mibegħda.

6Qegħedlu fuqu bniedem ħażin, ħa jkollu min jixlih fuq lemintu.

7Quddiem il-ħaqq ħa joħroġ ħati, u t-talba tiegħu titqies bi dnub.

8Ftit ikunu l-jiem ta' ħajtu, ħaddieħor jeħodlu xogħlu.

9Ikunu wliedu ltiema, u martu armla.

10Jiġġerrew u jittallbu wliedu, jitkeċċew minn djarhom imħarbta.

11Jeħodlu kulma għandu minn silfu, jaħtaflu l-barrani qligħ xogħlu.

12Ħadd ma juri tjieba miegħu, ħadd ma jħenn għall-iltiema tiegħu.

13Jinqata' darba għal dejjem nislu, f'nisel wieħed jitħassar ismu.

14Titfakkar il-ħtija ta' missirijietu, u dnub ommu ma jintesiex:

15ikunu dejjem quddiem il-Mulej, u tinqered mill-art it-tifkira tiegħu.

16Għax ma ħasibx biex jagħmel il-ħniena, imma ħabbat l-imsejken u l-fqajjar,
biex joqtol 'il min hu qalbu maqsuma.

17Is-saħta ħabb; u s-saħta tinżel fuqu; u l-barka li ma ħabbx titbiegħed minnu!

18Hu libes is-saħta bħal libsa; ħa tidħollu bħall-ilma f'ġismu, u bħal żejt
f'għadmu!

19Tkunlu bħal libsa li tkebbu, u bħal ħżiem li dejjem iħażżmu.

20Hekk iħallas il-Mulej lil dawk li jixluni, lil dawk li jgħidu l-ħażin fuqi.

21Imma int, Mulej Sidi, aqbeż għalija f'ġieħ ismek, eħlisni fil-ħniena u t-tjieba
tiegħek.

22Għax jiena msejken u fqajjar, u qalbi muġugħa ġewwa fija.

23Qiegħed ngħib bħal dell li jgħaddi, imtajjar qisni ġrad.

24Bis-sawm dgħajfa rkupptejja, niexef ġismi u magħlub.

25Fuqi waqa' t-tmaqdir tagħhom, iħarsu lejja u jħarrku rashom.

26Għinni, Mulej, Alla tiegħi; salvani fit-tjieba tiegħek.

27Ħa jagħraf li dan hu għemil tiegħek, li dan, Mulej, int għamiltu.

28Jisħtuni huma, imma int tberikni; ħa jqumu l-għedewwa u jistħu, imma jifraħ
il-qaddej tiegħek.

29Jitgħattew bit-tmaqdir dawk li jixluni, jitkebbu bħal b'mantell bil-mistħija.


© 2020 Malta Bible Society.

30Niżżi ħajr ħafna lill-Mulej, f'ġemgħa kbira ta' nies infaħħru.

31Għax hu joqgħod fuq il-lemin tal-fqajjar, biex isalvah minn dawk li
jaqtgħuhielu għall-mewt.

## Salmi 110

### Il-Messija, sultan u qassis rebbieħ

*1*Salm ta' David.

Il-kelma tal-Mulej lil Sidi: "Oqgħod fuq leminti, sa ma nqiegħed l-għedewwa tiegħek mirfes taħt riġlejk."

2Ix-xettru tal-qawwa tiegħek jibgħat il-Mulej minn Sijon: aħkem f'nofs l-
għedewwa tiegħek.

3Tiegħek is-setgħa sa minn twelidek fuq l-għoljiet imqaddsa, sa minn qabel is-
sebħ bħan-nida jien nissiltek.

4Ħalef il-Mulej, u ma jisgħobx bih: "Inti qassis għal dejjem bħal Melkisedek!"

5Sidi fuq lemintek, jidrob is-slaten f'jum qilltu.

6Jagħmel ħaqq mill-ġnus, kullimkien bil-mejtin jimtela; ifarrak l-irjus fil-wesgħa
tal-art.

7Mill-wied jixrob fi triqtu, għalhekk jerfa' 'l fuq rasu.

## Salmi 111

### Kbir u twajjeb il-Mulej

1Hallelujah! Irrodd ħajr lill-Mulej b'qalbi kollha, fil-laqgħa tat-tajbin flimkien
miġbura.

2Kbar huma l-għemejjel tal-Mulej; ifittxuhom dawk kollha li jitgħaxxqu bihom.

3Kollu ġmiel u kobor għemil il-Mulej; għal dejjem tibqa' l-ġustizzja tiegħu.

4Waqqaf tifkira bl-għeġubijiet tiegħu; twajjeb u ħanin il-Mulej.

5Hu jagħti l-għajxien lil min jibża' minnu, jiftakar għal dejjem fil-patt tiegħu.

6Wera lill-poplu tiegħu l-qawwa ta' għemilu, meta qassam lilhom art il-ġnus.

7Is-sewwa u l-ħaqq għemil idejh; ta' min joqgħod fuqhom il-preċetti tiegħu,

8imwettqa għal dejjem ta' dejjem, magħmula bis-sewwa u bid-dritt.

9Bagħat jifdi lill-poplu tiegħu, waqqaf għal dejjem il-patt tiegħu. Qaddis u tal-
biża' hu ismu!

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

10Il-bidu tal-għerf hu l-biża' tal-Mulej: tassew bil-għaqal kull min jimxi bih, għal
dejjem jibqa' t-tifħir tiegħu!

## Salmi 112

### Sliem u ġid tal-bniedem sewwa

1Hallelujah! Hieni l-bniedem li jibża' mill-Mulej, li jitgħaxxaq ħafna bil-
kmandamenti tiegħu!

2Setgħan fuq l-art ikun nislu; nisel it-tajbin ikun imbierek.

3Ġid u għana jkunu f'daru; għal dejjem tibqa' l-ġustizzja tiegħu.

4Dawl fid-dlam ifeġġ għat-tajbin; twajjeb u ħanin il-bniedem sewwa.

5Tajjeb il-bniedem li jħenn u jislef, li jmexxi ħwejġu bir-reqqa.

6Għax il-bniedem ġust qatt ma jitfixkel; għal dejjem tibqa' t-tifkira tiegħu.

7Xejn ma jibża' minn aħbar ħażina; qalbu qawwija bit-tama tal-Mulej.

8Qalbu qawwija, m'għandux mniex jibża', sa ma jara mxejjen l-għadu tiegħu.

9Iqassam u jagħti lill-foqra; għal dejjem tibqa' l-ġustizzja tiegħu; rasu merfugħa
bil-ġieħ.

10Jarah il-ħażin u jinkedd, jgħażgħaż snienu u jtertaq qalbu. Imma x-xewqa tal-
ħżiena tibqa' bla temma.

## Salmi 113

### Alla l-Għoli jħares lejn iż-żgħar

1Hallelujah! Faħħru, qaddejja tal-Mulej, faħħru isem il-Mulej.

2Ikun isem il-Mulej imbierek, minn issa u għal dejjem!

3Minn tlugħ ix-xemx sa nżulha ikun imfaħħar isem il-Mulej!

4Għoli fuq il-ġnus kollha l-Mulej, ogħla mis-smewwiet hu sebħu.

5Min hu bħall-Mulej, Alla tagħna, li qiegħed fl-għoli?

6Hu li jħares 'l isfel, lejn is-smewwiet u lejn l-art.

7Hu li jqajjem mit-trab l-imsejken, u jerfa' mill-miżbla l-fqajjar,

8biex mal-kbarat iqiegħdu, mal-kbarat tal-poplu tiegħu.

9Il-mara bla wlied iqegħedha f'darha, jagħmilha omm ferħana b'uliedha.
Hallelujah!


© 2020 Malta Bible Society.

# Salmi 114

### L-għanja tal-Għid

1Meta ħareġ Iżrael mill-Eġittu, Ġakobb minn poplu ta' lsien barrani,

2Ġuda sar is-santwarju tiegħu, Iżrael is-saltna tiegħu.

3Il-baħar rah u ħarab, il-Ġordan raġa' lura.

4Qabżu bħal kbiex il-muntanji, u bħal ħrief il-għoljiet.

5Xi ġralek, baħar, biex taħrab? Xi ġralek, Ġordan, biex terġa' lura?

6Xi ġralkom, muntanji, biex taqbżu bħal kbiex, u intom, għoljiet, biex taqbżu bħal
ħrief?

7Triegħed, art, quddiem is-Sid, quddiem Alla ta' Ġakobb,

8li jbiddel il-blat f'għadira, iż-żonqor f'għajn ta' ilma.

# Salmi 115

### Il-Mulej waħdu hu Alla

1Mhux lilna, Mulej, mhux lilna, iżda lil ismek sebbaħ, għat-tjieba u l-fedeltà
tiegħek.

2Għaliex għandhom jgħidu l-ġnus: "Fejn hu Alla tagħhom?"

3Fis-smewwiet hu Alla tagħna; hu jagħmel kulma jogħġbu.

4Fidda u deheb huma l-allat tagħhom, xogħol ta' idejn il-bniedem.

5Għandhom il-fomm, u ma jitkellmux; għandhom l-għajnejn, u ma jarawx;

6għandhom il-widnejn, u ma jisimgħux; għandhom l-imnieħer, u ma jxommux;

7għandhom l-idejn, u ma jmissux; għandhom ir-riġlejn, u ma jimxux; ebda leħen
ma joħroġ minn fommhom.

8Bħalhom ikunu dawk li jagħmluhom, u dawk kollha li jittamaw fihom.

9Iżrael ittama fil-Mulej; hu l-għajnuna u t-tarka tagħhom.

10Dar Aron ittamaw fil-Mulej; hu l-għajnuna u t-tarka tagħhom.

11Dawk li jibżgħu mill-Mulej ittamaw fil-Mulej; hu l-għajnuna u t-tarka tagħhom.

12Il-Mulej jiftakar fina u jberikna; ibierek 'il dar Iżrael, ibierek 'il dar Aron.

13Ibierek 'il dawk li jibżgħu mill-Mulej, kemm iż-żgħar u kemm il-kbar.

14Ikattarkom ħafna l-Mulej, lilkom u 'l uliedkom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

15Imberkin intom mill-Mulej, li għamel is-sema u l-art.

16Is-smewwiet huma s-smewwiet tal-Mulej; imma l-art hu taha lill-bnedmin.

17Mhumiex il-mejtin li jfaħħru l-Mulej, anqas ħadd minn dawk li jmorru fis-skiet;

18imma aħna li nbierku l-Mulej, minn issa u għal dejjem. Hallelujah!

## Salmi 116

### Fiduċja sħiħa fil-Mulej

1Inħobb il-Mulej, għax sama' leħen it-tħannin tiegħi;

2għaliex hu tani widen fil-jum li fih sejjaħtlu.

3Il-ħbula tal-mewt dawruni, l-irbit tal-Imwiet ħakimni; fin-niket u l-hemm sibt
ruħi.

4Imma isem il-Mulej sejjaħt: "Mulej, nitolbok, salvani!"

5Ħanin il-Mulej, u ġust; twajjeb hu Alla tagħna.

6Iħares id-dgħajfa l-Mulej; jien kont magħkus, u hu ħelisni.

7Erġa', ruħ tiegħi, għall-mistrieħ tiegħek, għax il-Mulej għamillek il-ġid.

8Għax mill-mewt ħelisli 'l ħajti, lil għajnejja mid-dmugħ u 'l riġlejja mit-tfixkil.

9Jien nimxi quddiem il-Mulej f'art il-ħajjin.

10Bqajt nemmen, imqar meta għedt: "Jiena mdejjaq ħafna!"

11Jien għedt fin-niket tiegħi: "Qarrieq hu kull bniedem."

12Xi rrodd lill-Mulej għall-ġid kollu li għamel miegħi?

13Ngħolli l-kalċi tas-salvazzjoni, u isem il-Mulej insejjaħ.

14Intemm lill-Mulej il-wegħdiet tiegħi, quddiem il-poplu tiegħu kollu.

15Għażiża f'għajnejn il-Mulej hi l-mewt tal-ħbieb tiegħu.

16Iva, Mulej, jien qaddej tiegħek, jien qaddej tiegħek, bin il-qaddejja tiegħek. Int
ħallejtli l-irbit tiegħi.

17Lilek noffri sagrifiċċju ta' radd il-ħajr, u isem il-Mulej insejjaħ.

18Intemm lill-Mulej il-wegħdiet tiegħi, quddiem il-poplu tiegħu kollu,

19fil-btieħi ta' dar il-Mulej, ġo nofsok, Ġerusalemm! Hallelujah!

## Salmi 117


© 2020 Malta Bible Society.

### Il-popli jfaħħru lil Alla

1Faħħru l-Mulej, intom ġnus kollha, sebbħuh, intom popli lkoll!

2Għax kbira hi t-tjieba tiegħu magħna, il-fedeltà tal-Mulej tibqa' għal dejjem. Hallelujah!

## Salmi 118

### Purċissjoni trijonfali

1Faħħru l-Mulej, għaliex hu tajjeb, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu!

2Ħa jgħidu wlied Iżrael: "Għal dejjem it-tjieba tiegħu."

3Ħa tgħid dar Aron: "Għal dejjem it-tjieba tiegħu."

4Ħa jgħidu dawk li jibżgħu mill-Mulej: "Għal dejjem it-tjieba tiegħu."

5Sejjaħt il-Mulej fid-dwejjaq tiegħi; u l-Mulej weġibni, u ħariġni fil-wisa'.

6La l-Mulej miegħi, m'għandix għax nibża'; x'jista' jagħmilli l-bniedem?

7Il-Mulej miegħi, hu l-għajnuna tiegħi, u nħares b'wiċċi minn quddiem lejn l-għedewwa tiegħi.

8Aħjar tiskenn fil-Mulej milli tittama fil-bnedmin.

9Aħjar tiskenn fil-Mulej milli tittama fil-kbarat.

10Il-ġnus kollha dawruni; imma f'isem il-Mulej irbaħthom.

11Dawruni, minn kull naħa rassewni; imma f'isem il-Mulej irbaħthom.

12Bħan-naħal daru miegħi, bħan-nar tax-xewk madwari jħeġġu; imma f'isem il-Mulej irbaħthom.

13B'saħħithom kollha mbuttawni biex naqa'; imma l-Mulej tani l-għajnuna.

14Qawwa tiegħi u għana tiegħi l-Mulej; hu kien għalija s-salvazzjoni tiegħi.

15Għajjat ta' ferħ u rebħ fl-għerejjex tat-tajbin: il-leminija tal-Mulej għamlet ħwejjeġ ta' ħila!

16Il-leminija tal-Mulej 'il fuq merfugħa, il-leminija tal-Mulej għamlet ħwejjeġ ta' ħila.

17Ma mmutx, imma nibqa' ngħix, u nħabbar l-għemejjel tal-Mulej.

18Haqarni tassew il-Mulej, iżda ma telaqnix għall-mewt.

19Iftħuli l-bibien tal-ġustizzja; ħa nidħol minnhom u rrodd ħajr lill-Mulej.

20Dan hu bieb il-Mulej; il-ġusti jidħlu minnu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

21Niżżik ħajr talli weġibtni u kont għalija s-salvazzjoni tiegħi.

22Il-ġebla li warrbu l-bennejja saret il-ġebla tax-xewka.

23Bis-saħħa tal-Mulej seħħ dan: ħaġa tal-għaġeb f'għajnejna.

24Dan hu l-jum li għamel il-Mulej; ħa nifirħu u nithennew fih!

25Ejja, nitolbuk, Mulej, salvana! Ejja, nitolbuk, Mulej, agħtina r-riżq!

26Imbierek minn ġej f'isem il-Mulej! Inberkukom minn dar il-Mulej.

27Jaħweh hu Alla; hu d-dawl tagħna. Tqassmu f'purċissjoni bil-friegħi f'idejkom
sa ħdejn l-artal.

28Alla tiegħi int, jien niżżik ħajr; Alla tiegħi, jien lilek inkabbar.

29Faħħru l-Mulej, għaliex hu tajjeb, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu!

# Salmi 119

### Il-ġmiel tal-Liġi ta' Alla

## Alef

1Henjin dawk li triqthom bla ħtija, li jimxu fil-liġi tal-Mulej.

2Henjin dawk li jħarsu l-preċetti tiegħu, u li jfittxuh b'qalbhom kollha.

3Huma ma jagħmlux ħażen, imma jimxu fit-triqat tal-Mulej.

4Int tajt il-preċetti tiegħek, biex inħarsuhom bir-reqqa.

5Ħa jżomm sħiħ il-mixi tiegħi fil-ħarsien tal-kmandamenti tiegħek!

6Imbagħad ma jkollix għax nistħi, la naħseb fuq il-kmandamenti tiegħek kollha.

7Imbagħad infaħħrek b'qalb safja. Meta nitgħallem id-digrieti ġusti tiegħek.

8Irrid inħares il-kmandamenti tiegħek; la tħallinix għalkollox!

## Bet

9Kif jista' żagħżugħ jimxi safi fi triqtu? Billi jħares il-kelma tiegħek.

10B'qalbi kollha jiena nfittxek; tħallinix nitbiegħed mill-kmandamenti tiegħek.

11Jien żammejt kelmtek f'qalbi, biex ma nidneb qatt kontrik.

12Imbierek int, Mulej! Għallimni l-kmandamenti tiegħek.

13B'xufftejja jiena nxandar id-digrieti kollha ta' fommok.

14Nifraħ fit-triq tal-preċetti tiegħek, daqs kieku kelli l-għana kollu.

15Fuq il-preċetti tiegħek irrid naħseb, u nżomm għajnejja fuq triqatek.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

16Bil-kmandamenti tiegħek irrid nitgħaxxaq, qatt ma ninsa l-kelma tiegħek.

### Gimel

17Kun twajjeb mal-qaddej tiegħek, agħtini li ngħix u nħares il-kelma tiegħek.

18Iftaħli għajnejja, biex nara l-għeġubijiet tal-liġi tiegħek.

19Barrani jien fuq l-art; taħbix minni l-kmandamenti tiegħek.

20Tinfena qalbi l-ħin kollu bix-xewqa tad-digrieti tiegħek.

21Il-kburin inti ċċanfarhom; misħut min jitbiegħed mill-kmandamenti tiegħek.

22Neħħi minn fuqi t-tagħjir u tkasbir tagħhom, għax jiena nħares il-preċetti tiegħek.

23Imqar jekk il-kbarat joqogħdu jqassu fuqi, fuq il-kmandamenti tiegħek jibqa' jaħseb il-qaddej tiegħek.

24Il-preċetti tiegħek huma l-għaxqa tiegħi, huma jagħtuni l-parir tajjeb.

### Dalet

25Mixħuta fit-trab hi ruħi; aħjini int skont kelmtek.

26Triqati wrejtek, u int weġibtni; għallimni l-kmandamenti tiegħek.

27Fehemni t-triq tal-preċetti tiegħek, biex naħseb fuq għeġubijietek.

28Jiena nfnejt bin-niket; erfagħni int skont kelmtek.

29Biegħed minni triq il-gideb; agħtini fi tjubitek il-liġi tiegħek.

30Jiena għażilt it-triq tas-sewwa; ħtart għalija d-digrieti tiegħek.

31Inżomm sħiħ mal-preċetti tiegħek; Mulej, tħallinix naqa' fil-mistħija.

32Jien niġri fit-triq tal-kmandamenti tiegħek, għax int saħħaħtli qalbi.

### He

33Għallimni, Mulej, it-triq tal-kmandamenti tiegħek; jiena rrid nibqa' fiha sal-aħħar.

34Fehemni biex inħares il-liġi tiegħek u nagħmilha b'qalbi kollha.

35Mexxini mill-mogħdija tal-kmandamenti tiegħek, għax fiha nsib l-għaxqa tiegħi.

36Iġbidli qalbi lejn il-preċetti tiegħek, u mhux lejn ir-regħba.

37Tħallix lil għajnejja jħarsu lejn il-frugħa; agħtini l-ħajja bil-kelma tiegħek.

38Żomm il-wegħda li għamilt mal-qaddej tiegħek, li int għamilt ma' dawk li jibżgħu minnek.


© 2020 Malta Bible Society.

[39]Warrab minni l-għajb li nibża' minnu, għax tajbin huma d-digrieti tiegħek.

[40]Ara kif jiena mxennaq għall-preċetti tiegħek; fil-ġustizzja tiegħek agħtini l-ħajja.

**Waw**

[41]Ħa tinżel fuqi tjubitek, Mulej, u s-salvazzjoni tiegħek skont il-wegħda tiegħek.

[42]Imbagħad nagħti tweġiba lil min jgħajjarni, għax jien nafda fil-kelma tiegħek.

[43]Tneħħili qatt minn fommi kliem is-sewwa, għax jien fid-digrieti tiegħek nittama.

[44]Inħares il-liġi tiegħek għal dejjem, u għal dejjem ta' dejjem.

[45]U nkun bla xkiel fil-mixi tiegħi, għax jiena nfittex il-preċetti tiegħek.

[46]U nitkellem fuq il-preċetti tiegħek quddiem is-slaten, u ma nistħix.

[47]Nitgħaxxaq bil-kmandamenti tiegħek, li jiena ħabbejt.

[48]Nerfa' jdejja lejn il-kmandamenti tiegħek, u naħseb fuq il-preċetti tiegħek.

**Żajin**

[49]Ftakar fil-kelma li tajt lill-qaddej tiegħek, li biha inti ttamajtni.

[50]Dan hu l-faraġ fin-niket tiegħi: li l-wegħda tiegħek tagħtini l-ħajja.

[51]Jiddieħku bija l-kburin għall-aħħar; imma jiena ma nitbiegħedx mil-liġi tiegħek.

[52]Niftakar fid-digrieti tiegħek ta' dari; fihom, Mulej, jiena nsib il-faraġ tiegħi.

[53]Nagħdab għall-aħħar minħabba l-ħżiena li jitilqu l-liġi tiegħek.

[54]L-għanja tiegħi l-kmandamenti tiegħek, f'dan il-post fejn jien barrani.

[55]Billejl f'ismek niftakar, Mulej, u nħares il-liġi tiegħek.

[56]Din hi l-barka li messet lili: li jiena nħares il-preċetti tiegħek.

**Ħet**

[57]Jien għedt, Mulej: "Dan hu sehmi, li nħares il-kelma tiegħek."

[58]Quddiemek nitlob b'qalbi kollha; ħenn għalija skont il-wegħda tiegħek.

[59]Jien qist sewwa l-mixi tiegħi, u rġajt lura lejn il-preċetti tiegħek.

[60]Ngħaġġel u ma nitnikkirx, biex inħares il-kmandamenti tiegħek.

[61]Il-ħbula tal-ħżiena dawramejt għalquni, imma jien ma nsejtx il-liġi tiegħek.

[62]F'nofs il-lejl inqum infaħħrek minħabba d-digrieti ġusti tiegħek.


© 2020 Malta Bible Society.

63 Nissieħeb ma’ kull min għandu l-biża’ tiegħek, ma’ dawk li jħarsu l-preċetti tiegħek.

64 Mimlija, Mulej, l-art bit-tjieba tiegħek; għallimni l-kmandamenti tiegħek.

**Tet**

65 Ġid għamilt mal-qaddej tiegħek, Mulej, skont il-kelma tiegħek.

66 Fehma tajba u għerf għallimni, għax jien nemmen fil-kmandamenti tiegħek.

67 Qabel ma għakkistni, jien kont fl-iżball; imma issa nħares il-kelma tiegħek.

68 Twajjeb int, u l-ġid tagħmel; għallimni l-kmandamenti tiegħek.

69 Jixluni l-kburin bil-gideb; imma jien b’qalbi kollha nħares il-preċetti tiegħek.

70 Smina bil-ħażen bħax-xaħam qalbhom; imma jien bil-liġi tiegħek nitgħaxxaq.

71 Swieli ta’ ġid li għakkistni, għax tgħallimt il-kmandamenti tiegħek.

72 Aħjar għalija l-liġi ta’ fommok mill-eluf ta’ flejjes tad-deheb u l-fidda.

**Jod**

73 Idejk għamluni u sawruni; fehemni u għallimni l-kmandamenti tiegħek.

74 Jarani u jifraħ min għandu l-biża’ tiegħek, għax jiena ttamajt fil-kelma tiegħek.

75 Jien naf, Mulej, li ġusti d-digrieti tiegħek; u li skont is-sewwa għakkistni.

76 Tkun it-tjieba tiegħek il-faraġ tiegħi, skont il-wegħda li għamilt mal-qaddej tiegħek,

77 Tiġi fuqi tjubitek, biex ikolli l-ħajja; għax il-liġi tiegħek hi l-għaxqa tiegħi.

78 Jistħu l-kburin, li bil-qerq jaħqruni; imma jien naħseb fil-preċetti tiegħek.

79 Ha jduru lejja dawk li jibżgħu minnek, dawk li jagħrfu l-preċetti tiegħek.

80 Tkun qalbi bla ħtija fil-kmandamenti tiegħek, biex ma jkollix għax nistħi.

**Kaf**

81 Ninfena bix-xewqa tas-salvazzjoni tiegħek; jien nittama fil-kelma tiegħek.

82 Għejew għajnejja jistennew il-wegħda tiegħek; u jien nistaqsi: “Meta se tfarraġni?”

83 Sirt qisni ġild imnixxef fid-duħħan; imma ma nsejtx il-kmandamenti tiegħek.

84 Kemm se jdum jistenna l-qaddej tiegħek? Meta se tagħmel ħaqq minn dawk li jħabbtuni?

85 Ħaffru l-kburin ħofra għalija, dawk li ma jimxux skont il-liġi tiegħek.


© 2020 Malta Bible Society.

86Sewwa huma l-kmandamenti tiegħek kollha; għinni int, meta bil-qerq
iħabbtuni.

87Għal ftit ma qerdunix minn din l-art; imma jien ma ħallejtx il-preċetti tiegħek.

88Fit-tjieba tiegħek agħtini l-ħajja; u jiena nħares il-preċetti ta' fommok.

**Lamed**

89Għal dejjem, Mulej, il-kelma tiegħek; hi mwaqqfa fis-sod fis-smewwiet.

90Minn nisel għal nisel il-fedeltà tiegħek; fuq l-art waqqaftha, u żammet fis-sod.

91B'digriet tiegħek għadhom sħaħ sa llum; għax kollox hu għall-qadi tiegħek.

92Li ma sibtx l-hena fil-liġi tiegħek, kont nintemm fin-niket tiegħi.

93Ma ninsa qatt il-preċetti tiegħek, għax bihom int tagħtini l-ħajja.

94Tiegħek jien; salvani int! Jiena nfittex il-preċetti tiegħek.

95Jgħassuli l-ħżiena biex jeqirduni; imma jien ħsiebi fil-preċetti tiegħek.

96Jien rajt it-tmiem ta' kulma jgħaddi; imma bla tarf il-kmandamenti tiegħek.

**Mem**

97Kemm inħobbha l-liġi tiegħek! Il-jum kollu ħsiebi fiha.

98Il-kmandament tiegħek għal dejjem miegħi, jagħmilni egħref mill-għedewwa
tiegħi.

99Jien nifhem aktar mill-imgħallmin tiegħi kollha, għax ħsiebi fil-kmandamenti
tiegħek.

100Aktar mix-xjuħ jien bil-għaqal, għax inħares il-preċetti tiegħek.

101Minn kull triq ħażina nwarrab riġlejja, biex inħares il-kelma tiegħek.

102Mid-digrieti tiegħek qatt ma nitbiegħed, għax int kont li għallimthomli.

103Kemm hi ħelwa l-wegħda tiegħek! Oħla mill-għasel għal fommi.

104Jien ksibt id-dehen bil-preċetti tiegħek; għalhekk nobgħod kull triq qarrieqa.

**Nun**

105Fanal għal riġlejja l-kelma tiegħek, u dawl fil-mogħdija tiegħi.

106Ħlift, u rrid inżomm kelmti, li nħares id-digrieti ġusti tiegħek.

107Ninsab imnikket għall-aħħar, Mulej; agħtini l-ħajja skont il-kelma tiegħek.

108Ilqa', Mulej, il-qima ta' fommi, u għallimni d-digrieti tiegħek.

109Ħajti dejjem fit-tiġrif, imma qatt ma ninsa l-liġi tiegħek.


© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

110Il-ħżiena nasbuli x-xibka, imma jien ma warrabtx mill-preċetti tiegħek.

111Il-preċetti tiegħek wirti għal dejjem; huma l-għaxqa ta' qalbi.

112Inħajjar 'il qalbi biex tħares il-kmandamenti tiegħek, għal dejjem u sal-aħħar.

**Samek**

113In-nies ta' żewġt iqlub nobgħodhom; imma l-liġi tiegħek inħobbha.

114Inti l-kenn u t-tarka tiegħi; fil-kelma tiegħek jien nittama.

115Tbiegħdu minni, intom nies ħżiena, biex inħares il-kmandamenti ta' Alla tiegħi.

116Żommni skont il-wegħda tiegħek, biex nibqa' ħaj; tħallix bla temma t-tama tiegħi.

117Għinni int, u jiena nsalva; u ħsiebi jkun dejjem fil-kmandamenti tiegħek.

118Int tistmell 'il kull min jitbiegħed mill-kmandamenti tiegħek, għax qarrieqa l-fehma tagħhom.

119Bħal skart għalik il-ħżiena tal-art; għalhekk inħobb il-preċetti tiegħek.

120Jitkexkex ġismi bil-biża' tiegħek; mid-digrieti tiegħek nibża'.

**Għajn**

121Jien għamilt il-ħaqq u s-sewwa; titlaqnix f'idejn dawk li jaħqruni.

122Serraħ ras il-qaddej tiegħek li tridlu l-ġid; tħallix li l-kburin jgħakksuni.

123Għejew għajnejja jistennew is-salvazzjoni tiegħek, u l-wegħda tal-ġustizzja tiegħek.

124Imxi mal-qaddej tiegħek skont it-tjieba tiegħek, għallimni l-kmandamenti tiegħek.

125Qaddej tiegħek jien; agħtini d-dehen, biex nagħraf il-preċetti tiegħek.

126Issa l-waqt li tindaħal, Mulej, għax kisru l-liġi tiegħek.

127Għalhekk inħobb il-kmandamenti tiegħek, aktar mid-deheb, mid-deheb l-aktar fin.

128Għalhekk jien nimxi dritt fuq il-preċetti tiegħek, u nobgħod kull triq qarrieqa.

**Pe**

129Tal-għaġeb huma l-preċetti tiegħek, għalhekk tħarishom qalbi.

130It-tifsir ta' kelmtek jagħti d-dawl, ifiehem lil min ma jafx.

131Niftaħ fommi u nieħu r-ruħ, għax nixxennaq għall-kmandamenti tiegħek.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

132Dur lejja u ħenn għalija, kif dejjem tagħmel ma' min iħobb 'l ismek.

133Żomm sħiħ il-mixi tiegħi skont il-wegħda tiegħek, u ebda deni ma jaħkem fuqi.

134Eħlisni mill-moħqrija tal-bniedem, u nħares il-preċetti tiegħek.

135Ħa jiddi wiċċek fuq il-qaddej tiegħek, għallimni l-kmandamenti tiegħek.

136Id-dmugħ bħal wied iġelben minn għajnejja, għax ma jħarsux il-bnedmin il-liġi tiegħek.

### Sade

137Ġust int, Mulej; u sewwa d-digrieti tiegħek.

138Bil-ġustizzja għamilt il-preċetti tiegħek, u b'fedeltà mill-akbar.

139Tifnini l-ħeġġa tiegħi, għax insew kelmtek l-għedewwa tiegħi.

140Il-wegħda tiegħek jien ippruvajtha; għalhekk iħobbha l-qaddej tiegħek.

141Għalkemm jien żgħir u mżeblaħ, ma ninsiex il-preċetti tiegħek.

142Ġustizzja ta' dejjem hi l-ġustizzja tiegħek, u sewwa l-liġi tiegħek.

143Għalkemm id-diqa u n-niket waqgħu fuqi, il-kmandamenti tiegħek baqgħu l-għaxqa tiegħi.

144Ġustizzja ta' dejjem il-preċetti tiegħek; agħtini d-dehen biex ikolli l-ħajja.

### Qof

145B'qalbi kollha ngħajjatlek; weġibni, Mulej; irrid inħares il-kmandamenti tiegħek.

146Lilek insejjaħ: salvani int; u nħares il-preċetti tiegħek.

147Sa minn qabel is-sebħ nitlob l-għajnuna; u fi kliemek jien nittama.

148B'għajnejja miftuħa tul is-sahriet tal-lejl, jien noqgħod naħseb fuq il-wegħda tiegħek.

149Isma' leħni, Mulej, fit-tjieba tiegħek; u żommni ħaj skont id-digrieti tiegħek.

150Qorbu lejja dawk li jfittxu l-ħażen, dawk li tbiegħdu mil-liġi tiegħek.

151Imm'inti ħdejja, Mulej; sewwa huma l-kmandamenti tiegħek.

152Jien ili naf mill-preċetti tiegħek li għal dejjem int waqqafthom.

### Rex

153Ħares lejn in-niket tiegħi, u eħlisni, għax jien ma nsejtx il-liġi tiegħek.

154Iddefendi l-kawża tiegħi, u ifdini; agħtini l-ħajja skont il-wegħda tiegħek.

155'Il bogħod mill-ħżiena s-salvazzjoni, għax ma jfittxux il-kmandamenti tiegħek.


© 2020 Malta Bible Society.

156Kbira l-ħniena tiegħek, Mulej; agħtini l-ħajja skont id-digrieti tiegħek.

157Hafna li jagħmlu għalija u jħabbtuni; imma jien ma nitbigħedx mill-preċetti tiegħek.

158Nara 'l dawk li ħallewk u nistkerrahhom, għax ma jħarsux il-kelma tiegħek.

159Ara, kif inħobb il-preċetti tiegħek, Mulej; agħtini l-ħajja skont it-tjieba tiegħek.

160Is-sewwa tiegħek il-qofol ta' kelmtek; għal dejjem id-digrieti tal-ġustizzja tiegħek.

### Sin

161Il-kbarat għal xejn b'xejn jagħmlu għalija, imma minn kelmtek tibża' qalbi.

162Ferħan jien minħabba l-wegħda tiegħek, bħal min isib xi priża kbira.

163Il-qerq nobogħdu u nistkerrhu, imma l-liġi tiegħek inħobbha.

164Seba' darbiet kull jum infaħħrek għad-digrieti ġusti tiegħek.

165Sliem bil-kotra għal min iħobb il-liġi tiegħek; ma hemm ebda tfixkil għalihom.

166Nistenna s-salvazzjoni tiegħek, Mulej; u nħares il-kmandamenti tiegħek.

167Ruħi tħares il-preċetti tiegħek; u jiena nħobbhom ħafna.

168Inħares il-preċetti u l-kmandamenti tiegħek; quddiem għajnejk l-imġiba tiegħi kollha.

### Taw

169Ħa tasal quddiemek, Mulej, l-għajta tiegħi; agħtini d-dehen skont il-kelma tiegħek.

170Ħa jasal quddiemek it-tħannin tiegħi; eħlisni skont il-wegħda tiegħek.

171Jinfexxu xufftejja fit-tifħir tiegħek, għax int tgħallimni l-kmandamenti tiegħek.

172Ixandar ilsieni l-wegħda tiegħek, għax kollha ġusti l-kmandamenti tiegħek.

173Ħa tkun idek l-għajnuna tiegħi, għax jien ħtart il-preċetti tiegħek.

174Jien nixtieq is-salvazzjoni tiegħek, Mulej; il-liġi tiegħek hija l-għaxqa tiegħi.

175Ħa nibqa' ħaj, biex infaħħrek! Ikunu d-digrieti tiegħek l-għajnuna tiegħi!

176Jien ħriġt mit-triq bħal nagħġa mitlufa; fittex il-qaddej tiegħek, għax jien ma nsejtx il-kmandamenti tiegħek.

## Salmi 120

### Ilment kontra l-ilsna qarrieqa

*1*Għanja tat-Telgħat.


© 2020 Malta Bible Society.

Fid-dwejjaq tiegħi l-Mulej sejjaħt; u hu weġibni.
2Mulej, eħlisni mix-xufftejn giddieba u mill-ilsna qarrieqa.
3X'se tieħu b'dan, u x'se jiswielek, ilsien qarrieq?
4Vleġeġ misnuna ta' wieħed b'saħħtu, u ġamar tal-ġummar.
5Imsejken jien, li ngħix barrani f'Mesek; li ngħammar fl-għerejjex ta' Kedar!
6Ili ngħix biżżejjed ma' dawk li jobogħdu s-sliem.
7Jien sliem irrid; imma malli nitkellem, insibhom lesti għall-ġlied.

## Salmi 121

### Il-Mulej jgħasses fuqna

1Għanja tat-Telgħat
Nerfa' għajnejja lejn l-għoljiet; mnejn se tiġini l-għajnuna?
2L-għajnuna tiegħi mingħand il-Mulej, li għamel is-sema u l-art.
3Ma jħalli qatt li riġlek jogħtor; ma jongħosx dak li jħarsek.
4Ara, la jongħos u lanqas jorqod dak li jħares lil Iżrael.
5Il-Mulej hu dak li jħarsek; il-Mulej hu d-dell tiegħek fuq lemintek.
6Ma tolqtokx ix-xemx binhar, anqas il-qamar billejl.
7Iħarsek il-Mulej minn kull deni; hu jħarislek ħajtek.
8Il-Mulej iħarsek fil-ħruġ u d-dħul tiegħek, minn issa u għal dejjem.

## Salmi 122

### Pellegrinaġġ għal Ġerusalemm

1Għanja tat-Telgħat. Ta' David.
Fraħt meta qaluli: "Sejrin f'dar il-Mulej!"
2Diġà qegħdin riġlejna fi bwiebek, Ġerusalemm!
3Ġerusalemm, mibnija bħal belt, magħquda ħaġa waħda.
4Lejha t-tribujiet jitilgħu, it-tribujiet tal-Mulej, biex, skont il-liġi ta' Iżrael, ifaħħru isem il-Mulej.
5Għax hemm twaqqfu t-tronijiet tal-ħaqq, it-tronijiet tad-dar ta' David.
6Itolbu s-sliem għal Ġerusalemm: "Ha jkollhom is-sliem dawk kollha li jħobbuk!

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

7Ħa jkun hemm is-sliem ġewwa l-ħitan tiegħek, u l-ġid fil-palazzi tiegħek!"

8Minħabba ħuti u ħbiebi, ħallini ngħidlek: "Is-sliem għalik!"

9Minħabba f'dar il-Mulej, Alla tagħna, nixtieq illi jkollok il-ġid.

## Salmi 123

### Fiduċja f'Alla fit-tiġrib

1Għanja tat-Telgħat.

Lejk nerfa' għajnejja, int li tgħammar fis-smewwiet.

2Ara, bħal għajnejn il-qaddejja lejn id sidhom; bħal għajnejn il-qaddejja lejn id
sidtha; hekk għajnejna lejn il-Mulej, Alla tagħna, sa ma jkollu ħniena minna.

3Ħenn għalina, Mulej, ħenn għalina, għax mitmugħa sax-xaba' bit-tagħjir.

4Imxebbgħa għall-aħħar ruħna biż-żebliħ tal-għonja, bit-tagħjir tal-kburin.

## Salmi 124

### Alla waħdu jeħles il-poplu

1Għanja tat-Telgħat. Ta' David.

Li ma kienx il-Mulej magħna

- ħa jgħid hekk Iżrael -

2li ma kienx il-Mulej magħna, meta qamu għalina n-nies,

3ħajjin kienu jibilgħuna, meta nxtegħlu bl-għadab għalina.

4L-ilma kien jgħerriqna, il-wied kien jgħaddi minn fuqna;

5minn fuqna kien jgħaddi mewġ tal-ilma qawwi.

6Imbierek il-Mulej, li ma telaqniex priża għal snienhom.

7Ħajjitna bħal għasfur ħelset mix-xbiek tan-nassaba. Ix-xibka tqattgħet, u aħna
ħrabna.

8L-għajnuna tagħna f'isem il-Mulej, li għamel is-sema u l-art.

## Salmi 125

### Alla jħares lill-poplu

1Għanja tat-Telgħat.

Min jittama fil-Mulej hu bħall-għolja ta' Sijon, li qatt ma titħarrek, imma fis-sod għal dejjem.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

2Bħalma l-għoljiet iduru madwar Ġerusalemm, hekk il-Mulej madwar il-poplu tiegħu, minn issa u għal dejjem.

3Ma jitħalliex ix-xettru tal-ħżiena fuq l-art, wirt il-ġusti, biex ma jiġrix li l-ġusti imiddu idejhom għall-ħażen.

4Agħmel il-ġid, Mulej, lit-tajbin u lil dawk ta' qalbhom safja.

5Imma 'l dawk li jgħawġu triqthom jitlaqhom il-Mulej ma' dawk li jagħmlu l-ħażen. Sliem għal Iżrael!

## Salmi 126

### Il-ferħ tal-meħlusin

1Għanja tat-Telgħat.

Meta l-Mulej reġġa' lura l-imjassra ta' Sijon, konna qisna mitlufa f'ħolma;

2imbagħad bid-daħk imtela fommna, u bl-għajjat ta' ferħ ilsienna. Imbagħad bdew jgħidu fost il-ġnus: "Kbir f'għemilu l-Mulej magħhom!"

3Kbir f'għemilu l-Mulej magħna! U aħna bil-ferħ imtlejna.

4Biddel, Mulej, xortina bħall-widien tan-Negeb!

5Dawk li jiżirgħu fid-dmugħ jaħsdu bl-għana ta' ferħ.

6Huma u sejrin, imorru jibku, iġorru ż-żerriegħa għaż-żrigħ. Iżda huma u ġejjin lura, jiġu b'għana ta' ferħ, iġorru l-qatet f'idejhom.

## Salmi 127

### L-ulied don u barka ta' Alla

1Għanja tat-Telgħat. Ta' Salamun.

Jekk il-Mulej ma jibnix id-dar, għalxejn jitħabtu l-bennejja. Jekk il-Mulej ma jħarisx il-belt, għalxejn jishar l-għassies.

2Ma jiswielkom xejn li tbakkru, jew li ddumu ma tistrieħu u li tieklu ħobż it-tbatija; għax sa fl-irqad hu jipprovdi lill-għeżież tiegħu.

3Ara, wirt il-Mulej huma l-ulied, ħlas tiegħu hu frott il-ġuf.

4Bħal vleġeġ f'id il-ġellied, hekk huma wlied iż-żgħożija.

5Hieni l-bniedem li għandu l-ħorġa mimlija bihom! Ma jinfixilx meta jiltaqa' mal-għedewwa f'bieb il-belt.

## Salmi 128


© 2020 Malta Bible Society.

### Familja tajba u hienja

1Għanja tat-Telgħat.

Hieni kull min jibża' mill-Mulej, kull min jimxi fit-triqat tiegħu!

2Mix-xogħol ta' jdejk inti tiekol; hieni int, u riżqek tajjeb!

3Martek tkun bħal dielja għammiela fl-irkejjen ta' darek; uliedek bħal xitel taż-żebbuġ madwar il-mejda tiegħek.

4Ara, kif ikun imbierek il-bniedem li jibża' mill-Mulej!

5Ibierkek il-Mulej minn Sijon! Jalla tara l-ġid ta' Ġerusalemm tul ħajtek kollha!

6Jalla tara wlied uliedek! Sliem għal Iżrael!

## Salmi 129

### Kontra l-għedewwa ta' Iżrael

1Għanja tat-Telgħat.

Ħabbtuni ħafna sa minn żgħożiti

- ħa jgħid hekk Iżrael -

2ħabbtuni ħafna sa minn żgħożiti, imma ma rnexxilhomx jegħlbuni.

3Bil-moħriet għaddew minn fuq dahri, raddiet twal bis-swat għamluli.

4Imma ġust hu l-Mulej, u qatta' minn fuqi l-irbit tal-ħżiena.

5Ħa jinfixlu u jmorru lura dawk kollha li jobogħdu 'l Sijon.

6Ikunu bħall-ħaxix tal-bjut, li jinxef qabel ma jikber,

7li bih il-ħassad ma jimliex idu, lanqas ħdanu min jorbot il-qatet.

8U ma jgħidux dawk li jkunu għaddejja: "Il-barka ta' Alla fuqkom! Inberkukom f'isem il-Mulej!"

## Salmi 130

### Talba għall-maħfra tad-dnubiet

1Għanja tat-Telgħat.

Minn qiegħ l-art insejjaħlek, Mulej:

2isma', Sidi, il-leħen tiegħi! Ħa jkunu widnejk miftuħa, jiena u nitolbok bil-ħniena.

3Jekk tal-ħtijiet int tagħti kas, Mulej, Sidi, min jista' jżomm sħiħ?

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

4Imma għandek hemm il-maħfra, biex hekk inqimuk fil-biża' tiegħek.

5Jien lill-Mulej nistenna, ruħi f'kelmtu tittama.

6Tistenna ruħi lil Sidi, aktar milli l-għassiesa s-sebħ. Aktar milli l-għassiesa s-
sebħ,

7jistenna Iżrael lill-Mulej! Għax għand il-Mulej hemm it-tjieba, u l-fidwa għandu
bil-kotra.

8Hu li jifdi lil Iżrael minn ħtijietu kollha.

## Salmi 131

### Umiltà u fiduċja

1Għanja tat-telgħat. Ta' David.

Mulej, ma tkabbritx qalbi, anqas ma ntrefgħu għajnejja; jien ma ġrejtx wara ħwejjeġ kbar, jew wara ħwejjeġ ogħla minni.

2Imma żammejt ruħi fis-skiet u l-mistrieħ, bħal tarbija f'ħoġor ommha; bħal
tarbija miftuma, hekk hi ruħi ġewwa fija.

3Ittama, Iżrael, fil-Mulej, minn issa u għal dejjem!

## Salmi 132

### Il-wegħda ta' Alla lil David

1Għanja tat-Telgħat.

Ftakar, Mulej, f'David u fl-hemm tiegħu kollu.

2Ftakar kif hu ħalef lill-Mulej, u wiegħed lil Alla, il-Qawwi ta' Ġakobb:

3"Ma nidħolx taħt is-saqaf ta' dari, ma nitlax fuq il-friex ta' soddti,

4ma nagħlaqx għajnejja u norqod u anqas nagħlaq xfar għajnejja bin-ngħas,

5sa ma nsib post għall-Mulej, għamara għal Alla, il-Qawwi ta' Ġakobb."

6Araw, smajna bl-arka f'Efrata, sibnieha fir-raba' ta' Ġagħar.

7Ħa nidħlu fl-għamara tiegħu, ninxteħtu quddiem il-mirfes ta' riġlejh!

8Qum u ejja, Mulej, lejn il-mistrieħ tiegħek, int u l-arka tal-qawwa tiegħek.

9Jilbsu l-ġustizzja l-qassisin tiegħek, jgħajtu bil-ferħ il-ħbieb tiegħek.

10Minħabba f'David, il-qaddej tiegħek, twarrabx wiċċ is-sultan, il-midluk
tiegħek.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[11]Il-Mulej ħalef wegħda lil David, u żgur li ma jerġax lura minnha: "Wieħed min-
nisel tiegħek jiena nqiegħed fuq it-tron tiegħek.

[12]Jekk uliedek iħarsu l-patt tiegħi u l-preċetti li jien nagħtihom, uliedhom ukoll
għal dejjem joqogħdu fuq it-tron tiegħek."

[13]Għax il-Mulej għażel 'il Sijon, u xtaqha tkun id-dar tiegħu:

[14]"Hawn insib il-mistrieħ tiegħi għal dejjem! Fiha rrid noqgħod, għax ħabbejtha!

[15]Bil-barka nimla l-ħażniet tagħha, bil-ħobż inxabba' l-foqra tagħha.

[16]Bis-salvazzjoni llibbes il-qassisin tagħha, bil-ferħ jgħajtu l-ħbieb tagħha.

[17]Hemm inqajjem qawwa lil David, inħejji mnara għas-sultan, il-midluk tiegħi.

[18]Bil-mistħija llibbes l-għedewwa tiegħu, imma fuqu tiddi l-kuruna tiegħu."

## Salmi 133

### Tifħir lill-imħabba tal-aħwa

*1*Għanja tat-Telgħat. Ta' David.

Kemm hi ħaġa sabiħa u ħelwa, li l-aħwa jgħammru flimkien!

[2]Bħal żejt mill-aħjar imsawwab fuq ir-ras, li jinżel mal-leħja tiegħu, li jinżel mal-
leħja ta' Aron, sa fuq l-għonq ta' ħwejġu.

[3]Hu bħan-nida tal-Hermon, li tinżel fuq l-għoljiet ta' Sijon; għax hemm il-Mulej
jagħti l-barka, hemm jagħti l-ħajja għal dejjem.

## Salmi 134

### L-aħħar tislima lit-tempju

*1*Għanja tat-Telgħat.

Ejjew, bierku l-Mulej, qaddejja kollha tal-Mulej, intom li toqogħdu f'dar il-Mulej.

[2]Erfgħu idejkom lejn it-tempju, u bierku l-Mulej fil-ljieli.

[3]Ibierkek il-Mulej minn Sijon, hu li għamel is-sema u l-art!

## Salmi 135

### Tifħir lil Alla għall-għeġubijiet tiegħu

[1]Hallelujah! Faħħru isem il-Mulej, faħħruh, qaddejja tal-Mulej,

[2]intom li qegħdin f'dar il-Mulej, fil-wesgħat ta' madwar it-tempju ta' Alla tagħna.

[3]Faħħru l-Mulej, għax hu tajjeb, għannu lil ismu, għax hu sabiħ.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

4Għax għażel il-Mulej ’il Ġakobb, lil Iżrael, biex ikun il-poplu tiegħu.

5Naf tassew li kbir il-Mulej; fuq l-allat kollha Alla Sidna.

6Kulma jogħġbu l-Mulej jagħmlu fis-smewwiet u fuq l-art, fil-baħar u f’qiegħ l-ibħra kollha.

7Hu jtella’ s-sħab minn truf l-art, jibgħat il-beraq u x-xita, joħroġ l-irjieħ mill-imħażen tiegħu.

8Hu darab l-ulied il-kbar tal-Eġittu, kemm bnedmin u kemm bhejjem.

9Sinjali u għeġubijiet għamel f’nofsok, Eġittu, u laqtu l-Fargħun u l-qaddejja tiegħu kollha.

10Hu darab ġnus bla għadd, u qered slaten qawwija.

11Qered ’il Siħon, sultan tal-Amurrin, lil Għog, sultan ta’ Basan, u s-saltniet kollha ta’ Kangħan.

12U l-art tagħhom qassamha b’wirt, b’wirt lil Iżrael, il-poplu tiegħu.

13Mulej, għal dejjem idum ismek! Mulej, minn żmien għal żmien il-fama tiegħek!

14Għax il-Mulej jagħmel ħaqq mal-poplu tiegħu, juri ħniena mal-qaddejja tiegħu.

15L-idoli tal-ġnus mhumiex ħlief deheb u fidda, xogħol ta’ id il-bniedem:

16għandhom il-fomm, u ma jitkellmux; għandhom l-għajnejn, u ma jarawx;

17għandhom il-widnejn, u ma jisimgħux; anqas nifs ma għandhom fi mnifsejhom.

18Bħalhom ikunu dawk li jagħmluhom, u dawk kollha li jittamaw fihom.

19Bierek, Iżrael, il-Mulej; bierek, dar Aron, il-Mulej;

20bierek, dar Levi, il-Mulej; bierku l-Mulej, intom li tibżgħu mill-Mulej.

21Imbierek il-Mulej minn Sijon, hu li joqgħod f’Ġerusalemm! Hallelujah!

## Salmi 136

### Litanija ta’ radd il-ħajr

1Roddu ħajr lill-Mulej, għax hu tajjeb, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

2Roddu ħajr lil Alla fuq l-allat, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

3Roddu ħajr lis-Sid tas-sidien, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

4Hu waħdu għamel għeġubijiet kbar, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

5Hu li għamel is-smewwiet bil-ħsieb, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

6Li firex l-art fuq l-ilmijiet, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

7Li għamel id-dwal il-kbar, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

8Għamel ix-xemx biex taħkem fuq il-jum, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

9Il-qamar u l-kwiekeb biex jaħkmu fuq il-lejl għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

10Hu darab l-Eġizzjani f'uliedhom il-kbar, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

11U ħareġ lil Iżrael minn ġo nofshom, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

12Ħariġhom b'id qawwija u bi driegħ merfugħ, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

13Hu feraq fi tnejn il-Baħar tal-Qasab, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

14U għadda lil Iżrael minn ġo nofshom, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

15Ġarraf il-Fargħun u l-eżerċtu tiegħu fil-Baħar tal-Qasab, għax għal dejjem it-
tjieba tiegħu.

16Hu mexxa fid-deżert il-poplu tiegħu, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

17U xejjen slaten qawwija, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

18Qered slaten kbar, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

19Qered lil Siħon, sultan tal-Amurrin, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

20U 'l Għog, sultan ta' Basan, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

21U l-art tagħhom qassamha b'wirt, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

22B'wirt lil Iżrael, qaddej tiegħu, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

23Meta konna magħkusin ftakar fina, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

24U ħelisna mill-għedewwa tagħna, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

25Lil kulħadd hu jagħti l-ikel, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

26Roddu ħajr lil Alla tas-smewwiet, għax għal dejjem it-tjieba tiegħu.

# Salmi 137

### Għanja tal-itturufnat

1F'xatt ix-xmajjar ta' Babilonja, hemm qgħadna bilqiegħda u bkejna, aħna u
niftakru f'Sijon.

2Mas-siġar tal-luq tagħha, dendilna ċ-ċetri tagħna.

3Għax hemm, dawk li ijassruna, talbuna ngħannulhom xi għanja; dawk li hemm
għakksuna stennew minna għana ta' ferħ: "Għannulna mill-għana ta' Sijon."

4Kif nistgħu ngħannu l-għana tal-Mulej f'art barranija?

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

5Tibbiesli idi l-leminija, jekk qatt ninsa lilek, Ġerusalemm!

6Jeħilli lsieni mas-saqaf ta' ħalqi, jekk ma niftakarx fik, jekk ma nżommx 'il Ġerusalemm 'il fuq minn kull ferħ tiegħi!

7Ftakar, Mulej, x'qalu wlied Edom f'jum il-waqgħa ta' Ġerusalemm, meta bdew jgħidu: "Ġarrfuha, ġarrfuha sal-pedamenti tagħha!"

8Ja Belt tal-Babilonja, int għad tinqered! Hieni min iħallsek għal kulma għamiltilna!

9Hieni min jaħtaflek it-trabi tiegħek u jsabbathomlok mal-blat!

## Salmi 138

### Innu ta' radd il-ħajr

1Ta' David.

Irroddlok ħajr, Mulej, b'qalbi kollha, għaliex int smajt kliem fommi. Quddiem l-allat irrid ngħannilek.

2B'wiċċi fl-art ninxteħet quddiem is-santwarju tiegħek, u rroddlok ħajr għat-tjieba u l-fedeltà tiegħek, għax int kabbart ismek u kelmtek fuq kollox.

3Meta sejjaħtlek, int weġibtni, kattarli l-qawwa f'ruħi.

4Iroddulek ħajr, Mulej, is-slaten kollha tal-art, għaliex semgħu l-kliem ta' fommok.

5U jgħannu l-imġiba tal-Mulej, għax kbir hu sebħ il-Mulej.

6Kbir il-Mulej, imma jieħu ħsieb iż-żgħar; u, għalkemm fl-għoli, jagħraf mill-bogħod.

7Jekk insib ruħi fl-għali, inti tħarisli ħajti; terfa' idek kontra l-għedewwa tiegħi, u l-leminija tiegħek issalvani mill-qilla tagħhom.

8Il-Mulej iżomm kelmtu miegħi. It-tjieba tiegħek, Mulej, tibqa' għal dejjem; la titlaqx għemil idejk!

## Salmi 139

### Alla jinsab kullimkien

1Lill-mexxej tal-kor. Salm ta' David.

Mulej, int tgħarbilni u tagħrafni;

2int taf meta noqgħod u meta nqum, int tagħraf mill-bogħod ħsibijieti.

3Int tagħraf il-mixi u l-waqfien tiegħi; triqati kollha inti tafhom sewwa.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

4Inkun għadni anqas lissint il-kelma, meta int, Mulej, tkun ġa tafha kollha.

5Dawramejt inti tħaddanni, u tqegħedli idek fuqi.

6L-għerf tiegħek tal-għaġeb, ma nwassalx għalih; għoli wisq, u ma nlaħħaqx
miegħu.

7Fejn immur ’il bogħod mill-ispirtu tiegħek? Jew fejn nista’ naħrab minn
quddiem wiċċek?

8Jekk nitla’ fis-smewwiet, hemm int; jekk nimtedd f’qiegħ l-art, int hemm ukoll.

9Jekk nilbes il-ġwienaħ tas-sebħ, u mmur ngħammar fi truf il-baħar,

10hemm ukoll tilħaqni idek, u taqbadni l-leminija tiegħek.

11Jekk ngħid: “Ħa jaħbini d-dlam, ħa jkunli d-dawl lejl madwari,”

12anqas id-dlam ma hu mudlam; għalik il-lejl jiddi bħan-nhar; id-dlam bħad-
dawl għalik.

13Għax int sawwart il-ġewwieni tiegħi, u f’ġuf ommi inti nsiġtni.

14Irroddlok ħajr, għax b’mod tal-għaġeb għamiltni: tal-għaġeb huma l-għemejjel
tiegħek. U ’l ruħi inti tafha tajjeb.

15Ma kienx moħbi għadmi minnek, meta kont qiegħed insir fis-satra u nintiseġ
fil-qigħan tal-art.

16Raw għajnejk l-għemejjel tiegħi: kollha nkitbu fil-ktieb tiegħek; u jiemi kienu
ġa magħduda meta ebda wieħed ma kien għad hemm.

17Kemm huma tqal ħsibijietek għalija, o Alla! Kemm hu bla tarf l-għadd tagħhom!

18Li kelli ngħoddhom, huma aktar mir-ramel; xħin nasal fl-aħħar, inkun għadni
fil-bidu miegħek.

19Mhux li kont teqred il-ħżiena, o Alla! Mhux li l-qattiela jitbiegħdu minni!

20Nies li b’qerq kontrik jeħduha, li għalxejn kontrik iqumu.

21Kemm nobgħodhom, Mulej, lil dawk li jobogħduk, kemm nistmellhom lil dawk
li jqumu kontrik!

22B’mibegħda mill-akbar nobgħodhom, għalija huma għedewwa tiegħi.

23Għarbilni, o Alla, u agħraf qalbi; iflini, u kun af ħsibijieti.

24Ara iniex miexi fi triq ħażina, u mexxini fit-triq ta’ dejjem.

## Salmi 140

### Talba għall-ħelsien mill-ħżiena

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

1Lill-mexxej tal-kor. Salm ta’ David.

2Eħlisni, Mulej, mill-bnedmin ħżiena, min-nies tad-dnewwa ħarisni,

3li f’qalbhom inisslu ħsibijiet ħżiena, li jqajmu l-ġlied kuljum.

4Ilsienhom daqs tas-serp isinnu, semm ta’ lifgħa taħt xufftejhom.

5Żommni, Mulej, minn idejn il-ħżiena, min-nies tad-dnewwa ħarisni, li ħsiebhom hu li jfixkluni.

6Nies kburin ħejjewli nassa, firxuli l-ħbula bħal xibka, u tul it-triq nasbu għalija.

7Jien għedt lill-Mulej: “Int Alla tiegħi; isma’, Mulej, leħen it-tħannin tiegħi.”

8Sidi Mulej, fortizza tas-salvazzjoni tiegħi, inti l-għata ta’ rasi f’jum it-taqbida.

9Taqtgħalhomx xewqithom, Mulej, lill-ħżiena, tħallihomx jilħqu l-għanijiet tagħhom.

10Ma jerfgħux rashom dawk li jdawruni; ħa jaħkimhom il-qerq ta’ xufftejhom.

11Ixħet fuqhom ġamar jaqbad, itfagħhom fi bjar mnejn qatt ma jqumu.

12Ma jgħammrux fl-art in-nies talsien ħażin; id-deni jwassal għall-qerda n-nies tad-dnewwa.

13Jien naf li l-Mulej jagħmel ħaqq mal-imsejken, u jagħti raġun lill-fqajjar.

14Iva, il-ġusti jfaħħru ismek; u t-tajbin jgħammru quddiemek.

## Salmi 141

### Talba għall-ħarsien mill-ħażen

1Salm ta’ David.

Lilek, Mulej, insejjaħ; fittex għinni! Isma’ leħni, jiena u nsejjaħlek.

2Ikun it-talb tiegħi bħal inċens quddiemek; ikunu idejja merfugħa ’l fuq bħas-sagrifiċċju filgħaxija.

3Qegħedli, Mulej, ilġiem fuq fommi, agħmilli l-għassa ma’ bieb xufftejja.

4Tħallix li qalbi ddur lejn ħwejjeġ ħżiena biex jiena nagħmel dak li hu ħażin; tħallix li nissieħeb ma’ nies ħżiena, u anqas induq l-ikel bnin tagħhom.

5Ha jsawwatni l-ġust u jċanfarni, għax dan jagħmlu mqanqal mit-tjieba. Imma żejt il-midneb ma jidliklix rasi; jien nibqa’ nitlob kontra ħżunithom.

6Fuq il-blat jitwaddbu l-kapijiet tagħhom; imbagħad jitgħallmu li sabiħ hu kliemi.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

7Bħall-frak u l-laqx mal-art imxerred, hekk jitferrex għadamhom f'daħlet qiegħ l-art.

8Imma lejk, Mulej Sidi, jiena ndawwar għajnejja, fik nistkenn, la tħallinix nintrema.

9Ħarisni mix-xibka li firxu għalija, min-nassa ta' dawk li jagħmlu l-ħażen.

10Ħa jaqgħu l-ħżiena fix-xbiek tagħhom, waqt li jiena waħdi neħlisha.

## Salmi 142

### Krib u tnehid fl-hemm

1Maskil. Ta' David meta kien fl-għar. Talba.

2B'leħen qawwi lill-Mulej insejjaħ, b'leħen qawwi lill-Mulej nitlob.

3Inressaq quddiemu t-tnehid tiegħi, id-dwejjaq tiegħi quddiemu nqiegħed.

4Xħin ruħi ġo fija tinfena, int tkun taf minn xiex għaddej. Fit-triq li fiha nimxi, huma ħbew nassa għalija.

5Inħares fuq il-lemin u nara li m'hemm ħadd min jagħti kasi, m'hemmx mnejn nista' naħrab, m'hemm ħadd min jieħu ħsiebi.

6Lilek, Mulej, insejjaħ; ngħidlek: "Inti l-kenn tiegħi, inti sehmi f'art il-ħajjin.

7Agħti widen għall-għajta tiegħi, għax ninsab mitluq għall-aħħar. Eħlisni minn dawk li daru għalija, għax huma aqwa minni.

8Mill-ħabs oħroġni, biex irrodd ħajr lil ismek. Madwari jduru l-ġusti, għax int timxi tajjeb miegħi."

## Salmi 143

### Talba umli u niedma

1Salm ta' David.

Mulej, isma' t-talba tiegħi, agħtini widen, nitolbok bil-ħniena; weġibni minħabba l-fedeltà u l-ġustizzja tiegħek.

2Tressaqx għall-ħaqq lill-qaddej tiegħek, għax ebda bniedem ma hu ġust quddiemek.

3Għax l-għadu għamel għalija, mal-art tefagħni taħt riġlejh; fid-dlam xeħetni ngħammar, bħal min imut għal dejjem,

4ruħi tinfena minn ġewwa, qalbi titniehed ġewwa fija.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

5Niftakar fiż-żmien l-imgħoddi, naħseb f'kulma int għamilt, għemil idejk dejjem
fi ħsiebi.

6Lejk immidd idejja, ruħi bħal art bil-għatx tixtieqek.

7Fittex weġibni, Mulej! Ruħi tinsab bla saħħa. La taħbix wiċċek minni, li ma
nkunx bħal min nieżel għall-qabar.

8Fakkarni mas-sebħ fi tjubitek, għax fik jien nittama. Għarrafni t-triq li minnha
għandi ngħaddi, għax lejk jien nerfa' ruħi.

9Eħlisni mill-għedewwa, Mulej, għax inti l-kenn tiegħi.

10Għallimni nagħmel ir-rieda tiegħek, għax int Alla tiegħi. L-ispirtu tajjeb tiegħek
imexxini fuq art watja.

11F'ġieħ ismek, Mulej, agħtini l-ħajja, oħroġni mill-għawġ minħabba l-ġustizzja
tiegħek.

12Fit-tjieba tiegħek xejjen l-għedewwa tiegħi, eqred 'il dawk kollha li huma
kontrija; għax jiena l-qaddej tiegħek.

## Salmi 144

### Rebħ, ġid u sliem

1Ta' David.

Imbierek il-Mulej, il-blata tiegħi, li jħarriġli idejja għat-taqbida u subgħajja għat-taqtigħa.

2Tjieba tiegħi u qawwa tiegħi, kenn tiegħi u ħellies tiegħi, tarka tiegħi, fih jien
nistkenn; hu li jrażżan il-popli taħti.

3Mulej, x'inhu l-bniedem biex taħseb fih, jew bin il-bniedem biex tiftakar fih?

4Bħal daqsxejn ta' nifs hu l-bniedem; bħal dell li jgħaddi huma jiemu.

5Ofroq, Mulej, is-smewwiet tiegħek, u inżel; miss l-għoljiet, u huma jdaħħnu.

6Agħmel il-beraq u xerridhom; faqqa' s-sajjetti u ħarrabhom.

7Midd idek mill-għoli, aħtafni mill-ilma kotran; eħlisni minn id il-barrani,

8li b'fommu jgħid il-gideb, u b'lemintu jixhed il-qerq.

9O Alla, għanja ġdida rrid ninsiġlek, fuq arpa ta' għaxar kordi ngħannihielek.

10Int li tagħti r-rebħa lis-slaten, li teħles lil David, il-qaddej tiegħek.

11Mis-sejf tal-ħażin ħarisni; eħlisni minn id il-barrani, li b'fommu jgħid il-gideb,
u b'lemintu jixhed il-qerq.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

12Ħa jkunu wliedna f'żgħożithom bħal xitel imlaħħaq sewwa; uliedna l-bniet bħal kolonni minquxa, iżejnu l-irkejjen tal-palazzi.

13Ħa jkunu l-imħażen tagħna mfawra, u jagħtu kull xorta ta' ġid. L-imrieħel bl-eluf iwelldu, għaxriet ta' eluf fir-raba' tagħna;

14ħa jkunu mgħobbija il-bhejjem tagħna. Ebda selħa fis-swar, ħadd ma jaqa' lsir, ma jkunx hemm biki fil-pjazez tagħna.

15Hieni l-poplu li għandu dan kollu! Hieni l-poplu li Jaħweh hu Alla tiegħu!

## Salmi 145

### Alla kbir u tajjeb

*1*Tifħir. Ta' David.

Ħa nkabbrek, Alla tiegħi, sultan, u nbierek ismek għal dejjem ta' dejjem.

2Kuljum irrid inbierkek, u nfaħħar ismek għal dejjem ta' dejjem.

3Kbir il-Mulej, ta' min ifaħħru bil-bosta, bla tarf il-kobor tiegħu.

4Nisel lil nisel isebbaħ għemilek, u s-setgħa tiegħek ixandru.

5Il-ġmiel u l-kobor tas-sebħ tiegħek iħabbru, u fuq l-għeġubijiet tiegħek jitħaddtu.

6Il-qawwa tal-għemejjel tiegħek tal-biża' jxandru; u jien fuq l-għemejjel kbar tiegħek nitħaddet.

7It-tjubija tiegħek bla qjies ifakkru, jgħajtu bil-ferħ minħabba l-ġustizzja tiegħek.

8Twajjeb u ħanin il-Mulej, idum biex jagħdab u kollu tjieba.

9Twajjeb ma' kulħadd il-Mulej, tjubitu fuq kulma għamel.

10Kulma għamilt iroddlok ħajr, Mulej; iberkuk il-ħbieb tiegħek kollha.

11Is-sebħ tas-saltna tiegħek ixandru, fuq is-setgħa tiegħek jitkellmu,

12biex jgħarrfu lill-bniedem il-qawwa tiegħek, u s-sebħ u l-ġmiel tas-saltna tiegħek.

13Saltnatek hi saltna għaż-żminijiet kollha, minn nisel għal nisel il-ħakma tiegħek. Ta' kelmtu l-Mulej fil-wegħdiet tiegħu kollha, twajjeb f'dak kollu li għamel.

14Iwieżen il-Mulej 'il kull min se jaqa', iqajjem 'il kull min hu mitluq.

15Għajnejn kulħadd iħarsu lejk, Mulej, u inti tagħtihom l-ikel f'waqtu.

16Int tiftaħ idek, u xxabba' 'l kulħadd bil-ġid.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

17Ġust il-Mulej fl-imġiba tiegħu kollha, twajjeb f'dak kollu li għamel.

18Qrib il-Mulej lejn kull min isejjaħlu, lejn kull min isejjaħlu fis-sewwa.

19Jaqtgħalhom xewqthom 'il dawk li jibżgħu minnu, jisma' l-għajta tagħhom, u
jsalvahom.

20Iħares il-Mulej lil ħbiebu kollha, imma lill-ħżiena jeqridhom.

21Tifħir il-Mulej ixandar fommi; u jbierek kulħadd l-isem qaddis tiegħu għal
dejjem ta' dejjem!

## Salmi 146

### Tama f'Alla waħdu

1Hallelujah! Faħħar, ruħ tiegħi, il-Mulej!

2Infaħħar il-Mulej tul ħajti kollha; ngħanni lil Alla tiegħi kemm indum ħaj.

3La tittamawx fil-kbarat, għax il-bniedem ma jsalvakomx.

4Malli toħroġ ruħu, lejn l-art jerġa' jmur; jintemmu dakinhar ħsibijietu.

5Hieni min f'Alla ta' Ġakobb isib l-għajnuna tiegħu, min għandu t-tama fil-Mulej,
Alla tiegħu,

6li għamel is-sema, l-art u l-baħar, u kulma jinsab fihom; hu li jżomm kelmtu għal
dejjem,

7li jagħmel ħaqq lill-maħqurin, u jagħti l-ħobż lill-imġewħin. Il-Mulej li jeħles lill-
imjassrin;

8il-Mulej li jiftaħ għajnejn l-għomja; il-Mulej li jerfa' lill-milwijin; il-Mulej li jħobb
lill-ġusti;

9il-Mulej li jħares lill-barranin; hu li jżomm lill-iltim u lill-armla, imma lill-ħżiena
jħarbtilhom triqathom.

10Il-Mulej isaltan għal dejjem; Alla tiegħek, Sijon, minn nisel għal nisel.
Hallelujah!

## Salmi 147

### Il-Mulej benefattur ta' Iżrael

1Hallelujah! Faħħru l-Mulej, għax tajjeb li tgħanni lil Alla tagħna; għax ħelu u
xieraq it-tifħir tiegħu.

2Jibni 'l Ġerusalemm il-Mulej, jiġma' l-imxerrdin ta' Iżrael.

3Hu jfejjaq il-qlub maqsuma, hu jorbot il-ġrieħi tagħhom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[4]Hu jgħodd in-numru tal-kwiekeb; kollha jsejħilhom b'isimhom.

[5]Kbir Sidna l-Mulej, u ta' qawwa kbira; bla tarf id-dehen tiegħu.

[6]Jerfa' l-imsejknin il-Mulej, u jniżżel sal-art il-ħżiena.

[7]Għannu lill-Mulej innu ta' radd il-ħajr; doqqu fuq l-arpa lil Alla tagħna.

[8]Hu li jiksi bis-sħab is-smewwiet, iħejji għall-art ix-xita, u jnibbet il-ħaxix fuq l-għoljiet.

[9]Hu jipprovdi lill-bhejjem l-għalf tagħhom, u lill-frieħ taċ-ċawl meta jgħajtu.

[10]Ma jitgħaxxaqx bis-saħħa taż-żiemel, anqas b'riġlejn l-irġiel b'saħħithom.

[11]Jitgħaxxaq il-Mulej b'min għandu l-biża' tiegħu, u b'min jittama fit-tjieba tiegħu.

[12]Sebbaħ, Ġerusalemm, il-Mulej; faħħar 'l Alla tiegħek, Sijon!

[13]Hu jsaħħaħ l-istaneg ta' bwiebek, u jbierek ġewwa fik 'l uliedek.

[14]Hu jqiegħed fis-sliem it-trufijiet ta' artek, u lilek bl-aħjar qamħ ixebbgħek.

[15]Hu jibgħat fuq l-art il-kmand tiegħu; bil-ħeffa tiġri l-kelma tiegħu.

[16]Jibgħat is-silġ bħas-suf; ixerred bħar-rmied il-ġlata.

[17]Jitfa' s-silġ bħal frak tal-ħobż; u jagħqad l-ilma bil-kesħa tiegħu.

[18]Isamma' kelmtu, u jinħall is-silġ; jonfoħ ir-riħ tiegħu, u jiġri l-ilma!

[19]Hu jxandar kelmtu lil Ġakobb, il-liġijiet u d-digrieti tiegħu lil Iżrael.

[20]Ma għamel hekk ma' ebda poplu; lil ħadd ma għarraf id-digrieti tiegħu. Hallelujah!

## Salmi 148

### Il-ħlejjaq kollha jfaħħru lill-Ħallieq

[1]Hallelujah! Faħħru l-Mulej mis-smewwiet, faħħruh fl-ogħla smewwiet!

[2]Faħħruh, anġli tiegħu kollha, faħħruh, eżerċti tiegħu kollha!

[3]Faħħruh, intom xemx u qamar, faħħruh, kwiekeb kollha li tiddu!

[4]Faħħruh, smewwiet l-aktar għolja, u intom ilmijiet ta' fuq is-smewwiet!

[5]Ha jfaħħru dawn kollha isem il-Mulej: għax hu kkmanda, u huma nħolqu;

[6]hu waqqafhom għal dejjem ta' dejjem; tahom ordni li qatt ma tgħaddi.

[7]Faħħru l-Mulej minn fuq l-art, mostri tal-baħar u abbissi kollha.


© 2020 Malta Bible Society.

[8]In-nar u s-silġ, il-borra u ċ-ċpar, l-irwiefen, li jisimgħu kelmtu,

[9]il-muntanji u l-għoljiet kollha, is-siġar tal-frott u ċ-ċedri kollha,

[10]il-bhejjem selvaġġi u l-annimali kollha, il-bhejjem li jitkaxkru u l-għasafar li jtiru,

[11]is-slaten tal-art u l-ġnus kollha, il-kbarat u l-imħallfin kollha tal-art,

[12]iż-żgħażagħ u x-xbejbiet ukoll, ix-xjuħ flimkien mat-tfal:

[13]ħa jfaħħru isem il-Mulej, għax ismu waħdu l-għoli, sebħu 'l fuq mill-art u s-sema!

[14]Hu għolla l-qawwa tal-poplu tiegħu; dan hu t-tifħir għal ħbiebu kollha, għal ulied Iżrael, il-poplu għażiż tiegħu. Hallelujah!

## Salmi 149

### Għanja tar-rebħa

[1]Hallelujah! Għannu lill-Mulej għanja ġdida: fil-ġemgħa ta' ħbiebu t-tifħir tiegħu!

[2]Ħa jifraħ Iżrael bil-Ħallieq tiegħu, u jithennew ulied Sijon bis-sultan tagħhom!

[3]Ħa jfaħħru biż-żfin l-isem tiegħu, bid-daqq tat-tanbur u taċ-ċetra!

[4]Għax il-Mulej jitgħaxxaq bil-poplu tiegħu, u jsebbaħ lill-fqajrin bir-rebħa.

[5]Bil-glorja jithennew ħbiebu, u jaqbżu bil-ferħ fuq friexhom!

[6]It-tifħir ta' Alla jkun fuq fommhom, u sjuf b'żewġt ixfar f'idejhom,

[7]biex jistgħu jitħallsu mill-ġnus, u jagħtu l-kastig lill-popli,

[8]jorbtu bil-ktajjen is-slaten tagħhom, bi rbit tal-ħadid il-kbarat tagħhom,

[9]jagħmlu minnhom il-ħaqq miktub għalihom; dan hu ġieħ għall-ħbieb tiegħu kollha. Hallelujah!

## Salmi 150

### L-aħħar hallelujah

[1]Hallelujah! Faħħru 'l Alla fit-tempju mqaddes tiegħu, faħħruh fil-firxa tas-smewwiet qawwija tiegħu!

[2]Faħħruh għall-għemejjel kbar tiegħu, faħħruh għall-kobor tiegħu bla tarf!

[3]Faħħruh bid-daqq tat-tromba, faħħruh bl-arpa u ċ-ċetra!

[4]Faħħruh bit-tanbur u biż-żfin, faħħruh bid-daqq tal-kordi u tas-sfafar!


© 2020 Malta Bible Society.

5Faħħruh bid-daqq qawwi taċ-ċimbali, faħħruh bid-damdim taċ-ċimbali!
6Kulma jieħu nifs, ħa jfaħħar il-Mulej! Hallelujah!


© 2020 Malta Bible Society.

Proverbji

# Proverbji 1

### L-isem u s-suġġett tal-ktieb

1Il-proverbji ta' Salamun bin David sultan ta' Iżrael:

2biex jagħrfu l-bnedmin l-għerf u t-tagħlim, biex jifhmu kliem l-għaqal,

3biex jieħdu tagħlim tajjeb, skont il-ġustizzja, id-dritt u s-sewwa;

4biex jingħata d-dehen liċ-ċkejknin, l-għerf u l-għaqal liż-żgħażagħ.

5Jisma' wkoll l-għaref, u jżid l-għerf tiegħu, u min jifhem jitgħallem aktar,

6biex jifhem il-proverbji u t-tixbihat, u xi jgħidu l-għorrief u l-kliem mistur
tagħhom.

7Il-biża' tal-Mulej hu l-bidu tal-għerf; l-għerf u t-tagħlim il-boloh imaqdruhom.

8Isma', ibni, kliem missierek, u twarrabx tagħlim ommok;

9dawn huma għalik kuruna sabiħa fuq rasek, u kullana ta' ġieħ madwar għonqok.

### Aħrab il-ħżiena

10Ibni, jekk iħajruk il-ħżiena, toqgħodx għalihom.

11Jekk jgħidulek, "Ejja magħna; nissajaw ħa nxerrdu d-dmija, nistaħbew ħa
naħbtu għal min hu bla ħtija;

12nibilgħuhom bħal Art l-Imwiet, ħajjin u sħaħ, bħal dawk li jmorru fil-ħofra;

13nsibu kull ġid u għana, nimlew djarna bil-priża;

14itfa' xortik magħna, ikollna lkoll but wieħed."

15Ibni, tmurx magħhom fi triqthom, warrab riġlejk minn mogħdijiethom;

16għax riġlejhom għall-ħażen jiġbdu, u għat-tixrid tad-demm jgħaġġlu.

17Għalxejn tifrex ix-xibka, fejn kull għasfur jista' jaraha.

18Iżda dawn għal demmhom stess jissajjaw, u għalihom infushom jonsbu.

19Din hi x-xorti ta' min jistagħna bid-dnewwa, il-qligħ li jikseb ineħħilu ħajtu.

### Is-sejħa tal-għerf

20L-għerf jgħajjat fit-triqat, leħnu jgħolli fl-imsieraħ,

21isejjaħ fil-bidu ta' triq kollha storbju, ixandar fid-daħla ta' bibien il-belt:

22"Intom, boloh, kemm se ddumu tħobbu l-bluha? Kemm se jdumu l-insolenti
jitgħaxxqu bl-insolenzi tagħhom, u l-boloh jobogħdu t-tagħlim?

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

23Agħtu widen għat-twiddib tiegħi; jien se nsawwab ħsibijieti fuqkom, se
ngħarraf kliemi lilkom.

24Talli sejjaħtilkom, u intom ma ridtux tisimgħu, meddejt idejja lejkom, u ħadd
ma ta kas;

25talli warrabtu fil-ġenb kull parir tiegħi, u xejn ma ridtu t-twiddib tiegħi;

26jien ukoll nidħak għall-ħsara tagħkom, nidħak bikom meta jaqbadkom il-biża';

27meta jaqa' fuqkom bħal tempesta l-biża', u bħal riefnu tiġi fuqkom il-ħsara,
meta l-hemm u d-dwejjaq jaħkmukom.

28Imbagħad isejħuli, imma jien ma nweġibhomx; ifittxuni, imma ma jsibunix.

29Għax huma t-tagħlim jobogħduh, u l-biża' tal-Mulej ma jriduhx;

30għax il-pariri tiegħi ma laqgħuhomx, u maqdru t-twiddib kollu tiegħi.

31Mela ħa jieklu frott għemilhom, u jixbgħu bl-għemejjel tagħhom.

32L-ebusija ta' moħħhom nieqes toqtolhom, u l-bruda tal-boloh teqridhom.

33Imma min jisma' lili jgħix moħħu mistrieħ, bla ebda tfixkil, bla biża' tal-ħsara."

# Proverbji 2

### Il-ġid tal-għerf

1Ibni, jekk int tilqa' kliemi, u taħżen ġo fik il-kmandamenti tiegħi

2billi tagħti widen għall-għerf, u tħalli lil moħħok jifhem sewwa;

3jekk issejjaħ l-għerf, u tgħolli leħnek għall-fehma t-tajba;

4jekk tfittex l-għerf bħall-fidda, u tħaffer għalih bħal teżor moħbi;

5imbagħad tifhem il-biża' tal-Mulej, u ssib it-tagħrif ta' Alla.

6Għax il-Mulej jagħti l-għerf, minn fommu ġej it-tagħrif u d-dehen.

7Hu jaħżen l-għajnuna għal min hu sewwa, hu tarka għal min jimxi bla ħtija;

8hu jħares it-triqat tal-ġusti, u jgħasses it-triq tat-twajbin tiegħu.

9Imbagħad int tifhem il-ħaqq u s-sewwa, u timxi f'kull triq li hi tajba.

10Għax l-għerf jidħollok f'moħħok, u t-tagħrif ikun l-għaxqa ta' qalbek.

11L-għaqal jgħasses fuqek, il-fehma tajba tħarsek,

12teħilsek minn triq il-ħażen, minn nies ta' kliem il-għawġ;

13li tilfu t-triq it-tajba, biex jimxu f'toroq mudlama;


© 2020 Malta Bible Society.

[14]li l-hena tagħhom jagħmlu l-ħażen, l-għaxqa tagħhom il-ħażen mill-agħar;

[15]nies li triqathom mgħawġa, u l-mixi tagħhom barra mit-triq.

[16]Jeħilsek l-għerf minn mart ħaddieħor, mill-mara barranija li tmelles bi kliemha,

[17]li twarrab sieħeb żgħożitha, u tinsa l-patt li għamlet ma' Alla tagħha;

[18]darha lejn il-mewt nieżla, u l-mixi tagħha lejn Art l-Imwiet;

[19]ħadd ma jmur għandha u jerġa' lura, jew jerġa' jaqbad triq il-ħajja.

[20]Int, mela, imxi fi triq it-tajbin, u żomm ma' mogħdijiet il-ġusti;

[21]għax it-tajbin jgħammru fl-art, u n-nies sewwa joqogħdu fiha;

[22]imma l-ħżiena mill-art jitqaċċtu, u l-qarrieqa jinqalgħu minnha.

## Proverbji 3

### Il-ġmiel ta' ħajja sewwa

[1]Ibni, tinsiex it-tagħlim tiegħi, iżda żomm f'qalbek il-kmandamenti tiegħi;

[2]għax għomor twil u ħafna snin, u riżq tajjeb iġibulek.

[3]It-tjieba u l-fedeltà tħallihomx iħalluk; ma' għonqok orbothom; iktibhom f'qalbek.

[4]Hekk issib xorti u isem tajjeb quddiem Alla u l-bnedmin.

[5]Ittama fil-Mulej b'qalbek kollha, u tafdax fl-għaqal tiegħek.

[6]Fih aħseb f'kulma tagħmel, u hu jwittilek triqatek.

[7]Toqgħodx taħseb kemm inti għaref, imma ibża' mill-Mulej u warrab mill-ħażen.

[8]Ha jkun dan is-saħħa ta' ġismek, u d-duwa għal għadmek.

[9]Weġġaħ lill-Mulej b'ġidek, u bl-ewwel dħul tal-qligħ tiegħek;

[10]u jimtlew bil-qamħ l-imħażen tiegħek, u l-imgħasar bl-inbid ifuru.

[11]Ibni, tistmerrx it-tagħlim tal-Mulej, u tiddejjaqx bit-twiddib tiegħu,

[12]għax il-Mulej iwiddeb lil min iħobb, u jgħakkes 'l ibnu l-maħbub.

[13]Hieni min isib l-għerf, u l-bniedem li jikseb id-dehen,

[14]għax qligħ l-għerf jiswa aktar mill-fidda, u l-ġid li jġiblu hu aħjar mid-deheb.

[15]L-għerf hu egħżeż mill-ħaġar prezzjuż, kulma tixtieq qalbek ma jiswiex daqsu.

[16]Għomor twil f'idu l-leminija, għana u ġieħ fix-xellugija.


© 2020 Malta Bible Society.

17Fihom għaxqa triqatu, kollha sliem mogħdijietu.

18Hu siġra tal-ħajja għal min iħaddnu; hieni hu min iżomm sħiħ miegħu.

19Bl-għerf il-Mulej waqqaf l-art, bid-dehen saħħaħ is-smewwiet;

20bl-għerf tiegħu nfetħu qigħan il-baħar, u s-sħab iraxxax il-qtar tan-nida.

21Ibni, żomm l-għaqal u l-qjies, twarrabhomx minn quddiem għajnejk;

22huma jkunu l-ħajja ta' ruħek, u t-tiżjin ta' għonqok.

23Imbagħad timxi bla biża' fi triqtek, u ma jogħtrux riġlejk.

24Jekk tmur torqod, ma jkollokx għax tibża'; xħin timtedd, jiġik ħelu l-irqad.

25Tibżax meta tara l-boloh jitwerwru, jew tiġi fuqhom il-ħsara tal-ħżiena,

26għax il-Mulej ikun maġenbek, u jħarislek riġlek biex ma tinqabadx.

### L-imġiba mal-proxxmu

27Min ħaqqu l-ġid tiċħadhulux, meta dan tista' tagħmlu.

28Tgħidx lil għajrek: "Mur, u erġa' ejja; nagħtik għada," meta għandek mnejn tagħtih.

29Tfassalx il-ħsara kontra għajrek, hu u jserraħ bit-tama fik.

30Titlewwimx ma' ħaddieħor għal xejn b'xejn, jekk ma għamillek l-ebda deni.

31Tgħirx għall-bniedem vjolenti, u titħajjarx timxi fuq xi mġiba tiegħu;

32għax min jimxi bl-imgħawweġ jistkerrhu l-Mulej, imma f'idejh huma dawk li jimxu bis-sewwa.

33Is-saħta tal-Mulej f'dar il-ħżiena, imma hu jbierek djar it-tajbin.

34Min iżeblaħ lill-oħrajn jistmellu l-Mulej, imma lit-twajbin jagħtihom il-grazzja.

35L-għorrief jirtu l-ġieħ, imma l-boloh jiksbu l-għajb.

## Proverbji 4

### Tagħlim ta' missier

1Isimgħu, uliedi, it-tagħlim ta' missier, qisu li titgħallmu l-għaqal;

2għax jien tagħlim tajjeb nagħtikom; għalhekk tinsewx twissijieti.

3Kont għadni tifel ma' missieri, żgħir u waħdieni taħt għajnejn ommi.

4Hu kien jgħallimni u jgħidli: "Żomm kliemi b'qalbek kollha; ħares il-kmandamenti tiegħi, u jkollok il-ħajja.


© 2020 Malta Bible Society.

5Ikseb l-għerf, ikollok id-dehen, tinsihomx, u titwarrabx minn kliem fommi.

6Twarrbux minnek, u hu jżommok, ħobbu, u hu jieqaf miegħek.

7L-aqwa ħaġa, li tikseb l-għerf; ikseb id-dehen akkost ta' kollox.

8Għożżu, u hu jżommok fl-għoli, tgħannaq miegħu, u jkunlek ta' ġieħ.

9Iqegħedlek fuq rasek kuruna sabiħa, jitfa' fuqek tiżjin kollu ġmiel."

10Isma' ibni, u ilqa' kliemi, u joktru s-snin ta' ħajtek.

11Jien nurik it-triq tal-għerf, immexxik fil-mogħdija tas-sewwa.

12Fil-mixi tiegħek ma ssibx xi jfixklek, u jekk tiġri, ma taqax.

13Żomm mat-tagħlim, u tħallih qatt, ħarsu sewwa, għax hu ħajtek.

14Taqbadx il-mogħdija tal-ħżiena, timxix fit-triq ta' min jagħmel id-deni.

15Aħrabha, tgħaddix minnha; mur fuq naħa oħra, u ibqa' sejjer.

16Għax il-ħżiena ma jorqdux, jekk ma jagħmlux id-deni, itirilhom ngħashom, jekk
ma jwaqqgħux lil xi ħadd.

17Huma jieklu ħobż il-ħażen, u jixorbu nbid il-vjolenza.

18Imma triq it-tajbin bħal dawl iż-żerniq, li jżid jitqawwa sal-milja tal-jum.

19Triq il-ħżiena bħal dalma kbira, lanqas biss jilmħu dak li jġegħelhom jaqgħu.

20Ibni, agħti widen għal kliemi, iftaħ widnejk għal dak li ngħid jien.

21Tħallihomx iwarrbu minn quddiem għajnejk, żommhom fil-qiegħ ta' qalbek.

22Għax huma l-ħajja għal min isibhom, u s-saħħa għal ġismu kollu.

23Ħares lil qalbek bir-reqqa kollha, għax minnha ġejja l-ħajja.

24Warrab minnek ħażen il-fomm, biegħed minnek qerq ix-xufftejn.

25Żomm għajnejk dritti quddiemek, u ħarstek 'il quddiem itfagħha.

26Ara fejn titfa' riġlek fi triqtek, u li triqatek kollha jkunu tajba.

27Tgħawwiġx 'l hawn u 'l hemm, u warrab riġlejk mill-ħażen.

## Proverbji 5

### Aħrab il-mara żienja

1Ibni, agħti kas għerfi, agħti widen għal tagħlimi,

2biex tagħraf iżżomm il-qjies, u kliemek ikun mogħni bl-għerf.

3Xufftejn il-mara żienja għasel iqattru, u kliemha mieles aktar miż-żejt;

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

4imma fl-aħħar hi morra daqs l-assenzju, taqta' daqs sejf b'żewġt ixfar.

5Lejn il-mewt jinżlu riġlejha, lejn qiegħ l-art jieħu l-mixi tagħha.

6Ma tagħtix kas triq il-ħajja, 'l hawn u l'hemm timxi, m'għandhiex kwiet.

7Imma, ibni, isma' lili, titbigħedx minn kliem fommi.

8Żomm triqtek 'il bogħod minnha, u tersaqx qrib bieb darha,

9biex ma titlifx ġieħek quddiem ħaddieħor; u lanqas titlaq sninek lil xi ħadd bla
ħniena,

10biex ma jitpaxxewx b'ġidek il-barranin, u frott xogħlok imur f'dar ħaddieħor.

11U int toqgħod tokrob fl-aħħar ta' ħajtek, huma u jintemmu laħmek u ġismek.

12Imbagħad tgħid: "Kemm kont nobogħdu t-tagħlim, u ma kontx naħmel it-
twiddib!

13Ma smajtx kliem min ried jgħallimni, ma tajtx widen lil min kien iwissini.

14Kont wasalt biex nitlef kollox quddiem il-laqgħa tal-ġemgħa!"

15Ixrob l-ilma mill-bir tiegħek, u l-ilma ġieri min-nixxiegħa tiegħek.

16Trid l-ilma tal-għajn tiegħek jixxerred barra, u n-nixxigħat tal-ilma f'nofs it-
triq?

17Żommhom għalik waħdek, isseħibx lil ħaddieħor miegħek.

18Tkun imbierka l-għajn tiegħek, mart żgħożitek! Ifraħ biha.

19Hi bħal ċerva għażiża, bħal għażżiela ħelwa. Jimliek dejjem bl-għaxqa ż-żegħil
tagħha, issaħħrek bla heda mħabbitha.

20Għaliex tiġġennen, ibni, wara mara oħra, u tħaddan miegħek mara żienja?

21Quddiem il-Mulej l-imġiba tal-bniedem; il-Mulej jgħasses il-mixi kollu tiegħu.

22Il-ħażin bi ħżunitu jinqabad, u bil-ħbula ta' ħtijietu jintrabat;

23jintemm minħabba n-nuqqas ta' għaqal, jintilef minħabba l-bluha kbira tiegħu.

## Proverbji 6

### La tintrabatx

1Ibni, jekk għamilt tajjeb għal ħaddieħor, jekk tajt rahan għal min hu barrani,

2jekk inqbadt bi kliem fommok, u tħabbilt b'xi wegħda li għamilt;

3agħmel dan, ibni, biex issalva, għax int waqajt f'idejn ħaddieħor; mur malajr, u
ffittah,

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

4 tagħtix mistrieħ lil għajnejk, lanqas irqad lil xfar għajnejk.

5 Eħles bħal għażżiela mix-xibka, bħal għasfur minn id in-nassab.

### La titgħażżinx

6 Mur għand in-nemla, ja għażżien, ara kif tgħix, u tgħallem minnha.

7 M'għandhiex min hu fuqha, la għassies u lanqas ħakem;

8 madankollu taħżen ikilha fis-sajf, tħejji għajxienha fi żmien il-ħsad.

9 Kemm se ddum rieqed, ja għażżien? Meta se tqum minn ngħasek?

10 Daqqa torqod, daqqa tongħos, daqqa tistrieħ b'idejk marbuta,

11 u jiġi fuqek bħal ħalliel il-faqar, u bħal wieħed ġellied l-għaks.

### La taqlax ġlied

12 Bniedem brikkun, min hu ħażin, jimxi bit-tagħwiġ ta' kliemu:

13 jegħmeż għajnejh, iħabbat riġlejh, jagħmel sinjali b'subgħajh,

14 moħħu kif se jagħmel il-ħsara, il-ħin kollu jaqla' l-ġlied.

15 Għalhekk għal għarrieda tiġi fuqu l-ħsara, f'daqqa waħda jinqered u ma jqumx iżjed.

### X'jobgħod Alla

16 Sitt ħwejjeġ jobgħod il-Mulej, sebgħa huma li ma jaħmilhomx:

17 għajnejn merfugħa, ilsien giddieb, idejn li jxerrdu demm bla ħtija,

18 qalb li trawwem ħsibijiet qarrieqa, riġlejn li jiġru ħfief għall-ħażen,

19 fomm li jixhed bil-qerq il-gideb, u bniedem li jaqla' l-ġlied bejn l-aħwa.

### Aħrab il-mara żienja

20 Hares, ibni, ordnijiet missierek, u twarrbux tagħlim ommok.

21 Żommhom dejjem marbutin ma' qalbek, dendilhom madwar għonqok.

22 Huma jmexxuk fil-mixi tiegħek, iħarsuk meta tkun rieqed, ikellmuk meta tqum.

23 Għax l-ordni musbieħ u l-liġi dawl, u t-twiddib tat-tagħlim hu t-triq tal-ħajja.

24 Huma jħarsuk minn mart ħaddieħor, mill-kliem ħelu tal-mara mitlufa.

25 Tixxennaqx f'qalbek għal sbuħitha, tħallihiex taqbdek b'ħarset għajnejha.

26 Għax mara żienja b'biċċa ħobż tixtriha, iżda mara miżżewġa tiswielek ħajtek.

27 Jista' xi ħadd iġorr in-nar f'ħobbu, u ħwejġu ma jinħarqulux?

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

28Jista' xi ħadd jimxi fuq il-ġamar, u saqajh ma jinxtwewlux?

29Hekk jiġrilu min imur għand mart ħaddieħor; kull min jersaq lejha jpattiha qares.

30Mhux kulħadd jistmell il-ħalliel, li jisraq biex jixba' għax ikun bil-ġuħ?

31Jekk jinqabad, għal seba' darbiet iħallas, ikollu jagħti l-ġid kollu ta' daru.

32Hekk min jiżni hu bniedem bla moħħ, jeqred lilu nnifsu min jagħmel hekk.

33Swat u mistħija jkollu, u l-għajb tiegħu ma jitħassar qatt;

34għax l-għira tgħaddab lil żewġha, li ma jaħfirhilux meta tiġih is-siegħa;

35ma jilqa' ebda tpattija; ebda ħlas, kbir kemm ikun kbir, ma jberrdu.

# Proverbji 7

### Attent mill-mara żienja

1Ibni, ħares kliemi, u żomm ġo fik il-kmandamenti tiegħi.

2Ħares il-kmandamenti tiegħi u jkollok il-ħajja, għożż tagħlimi bħal ħabbet għajnek.

3Orbothom ma' subgħajk, iktibhom fuq qalbek.

4Lill-għerf għidlu: "Inti ħija", u lid-dehen sejjaħlu ħabib tal-qalb,

5biex huma jħarsuk mill-mara żienja, mill-mara barranija li ssaħħar bi kliemha.

6Kont qiegħed fit-tieqa ta' dari, inħares mill-grada tat-tieqa,

7u rajt fost il-boloh, ilmaħt fost iċ-ċkejknin, żagħżugħ bla moħħ,

8għaddej mit-triq ħdejn il-kantuniera ta' darha, miexi lejn in-naħa tad-dar tagħha,

9filgħaxija, fi tmiem il-jum, xħin kien dieħel il-lejl u joktor id-dlam.

10U ħarġet mara tiltaqa' miegħu, liebsa ta' żienja, qalbha kollha qerq.

11Kollha storbju u bla sabar; m'għandhomx kwiet f'darha riġlejha;

12issa fit-triq, issa fil-pjazez, f'kull rokna ssibha tistenna.

13Qabditu u bisitu, u bil-wiċċ tost kollu qaltlu:

14"Kelli noffri sagrifiċċju tas-sliem, u llum raddejt il-wegħdiet tiegħi;

15għalhekk ħriġt niltaqa' miegħek, ħriġt infittxek, u issa sibtek.

16Frixt l-għata fuq is-sodda tiegħi, lożor tal-kulur b'ħajt tal-Eġittu;

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

17fewwaħt soddti bil-mirra, u friexi bis-sabbâra u l-kannella.

18Ejja, ħa niskru bl-għaxqa tal-imħabba, nitpaxxew bl-imħabba sa filgħodu.

19Żewġi mhux qiegħed id-dar, telaq għal vjaġġ fil-bogħod;

20ħa miegħu borża bil-flus; ma jiġix id-dar qabel il-qamar mimli."

21Bi kliemha qarrieqi ħajritu, bil-kliem ħelu tagħha waqqgħetu.

22Iblah li hu, mar warajha, bħal gendus sejjer għall-qatla, bħal ċerv marbut rabta
sewwa,

23sakemm vleġġa tinfidlu fwiedu; bħal għasfur jittajjar lejn ix-xibka, bla ma jaf li
hemm ħajtu fin-nofs.

24Għalhekk, issa, ibni, isma' minni, agħti widen għal kliem fommi.

25Tħallix qalbek titħajjar minn imġibitha, tilwix lejn triqatha;

26għax ħafna huma li rebħet u waqqgħet, bla għadd dawk li hi qatlet.

27Triq lejn qiegħ l-art hi darha, tieħdok lejn għamajjar il-mewt.

## Proverbji 8

### Is-sejħa tal-għerf

1Mhuwiex isejjaħ l-għerf u d-dehen mhuwiex qiegħed jgħajjat?

2Fil-quċċata tal-għoljiet matul it-triq, qagħad l-għerf f'salib it-toroq,

3ħdejn il-bieb, quddiem il-belt, fid-daħla tal-bieb jgħajjat bil-qawwa:

4"Lilkom, nies, qiegħed insejjaħ, għall-bnedmin hi l-għajta tiegħi.

5Tgħallmu, ċkejknin, l-għaqal; nies bla moħħ, ifhmu daqsxejn.

6Isimgħu, għax ħwejjeġ kbar se ngħidilkom, kliem is-sewwa se joħroġ minn
fommi;

7għax fommi jitkellem is-sewwa; u xufftejja jistmellu l-gideb.

8Kliem fommi hu kollu sewwa, ma fih ebda tidwir jew tagħwiġ.

9Kollu dritt għal min għandu d-dehen, kollu sewwa għal min għandu l-għerf.

10It-tagħlim tiegħi ilqa', u mhux il-fidda, u l-għerf aktar mid-deheb safi;

11għax l-għerf aħjar mill-qroll aħmar, mhu xejn ħdejh il-ħaġar prezzjuż.

12Jien, l-għerf, ngħix mal-għaqal, u nimxi bil-ħsieb u l-qjies.

13Il-biża' tal-Mulej jobgħod il-ħażen. Kburija, ksuħat, għemejjel ħżiena, kliem ta'
ħsara jien nobgħodhom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

14Jiena għandi l-fehma u l-għaqal, jiena għandi d-dehen u l-qawwa.

15Bil-ħila tiegħi jsaltnu s-slaten, u l-mexxejja jagħmlu liġijiet tajba.

16Bil-ħila tiegħi jaħkmu l-ħakkiema, u l-kbarat imexxu l-art.

17Jiena nħobb lil min iħobbni, jien, min ifittixni jsibni.

18Tiegħi huma l-għana u l-ġieħ, il-ġid bla tarf u s-saħħa.

19Il-frott tiegħi aħjar mid-deheb fin, u d-dħul tiegħi aqwa mill-fidda magħżula.

20Jien fit-triq tal-ġustizzja nimxi, mill-mogħdijiet tas-sewwa ngħaddi,

21nagħti l-ġid lil dawk li jħobbuni, u nimlielhom il-ħażniet tagħhom.

22Il-Mulej kellu lili sa mill-bidu ta' għemilu, sa minn qabel l-eqdem għemejjel
tiegħu.

23Sa minn dejjem twaqqaft, mill-bidu, qabel ma nbdiet id-dinja.

24Kien għad m'hemmx l-ibħra l-kbar, meta tnissilt jien, kien għad m'hemmx
għejun inixxu l-ilma;

25qabel ma tqiegħdu l-muntanji, qabel l-għoljiet jien twelidt.

26Kien għadu ma għamilx l-art bir-raba' tagħha, u lanqas l-ewwel traba tal-art.

27Meta ħejja s-smewwiet jien kont hemm, meta ħażżeż dawra fuq wiċċ il-baħar
kbir,

28meta saħħaħ is-smewwiet hemm fuq, u qiegħed fis-sod in-nixxigħat ta' qiegħ
il-baħar;

29meta ħażżeż trufijiet il-baħar, biex l-ilmijiet ma jaqbżux trufhom; meta qiegħed
sisien l-art,

30jien kont maġenbu bħala tfajjel, l-għaxqa tiegħu, jum wara ieħor, nitliegħeb il-
ħin kollu quddiemu;

31nitliegħeb fuq l-art imħejjija għall-bnedmin, nitgħaxxaq b'ulied il-bnedmin.

32U issa wliedi, isimgħu lili: henjin dawk li jimxu fi triqati.

33Isimgħu t-tagħlim u tiksbu l-għerf, u twarrbux it-tagħlim.

34Hieni l-bniedem li jismagħni, li jishar kuljum wara biebi, li jgħasses kuljum
mal-għatba ta' biebi;

35għax min isib lili jsib il-ħajja, u jikseb l-imħabba tal-Mulej;

36iżda min jitlef lili, hu jbati; kull min jobgħod lili jħobb il-mewt."

## Proverbji 9

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

### L-għerf u l-bluha

1L-għerf bena d-dar tiegħu, waqqaf is-seba' kolonni tagħha;

2qatel il-bhejjem imsemmna, ħejja l-inbid u l-mejda tiegħu.

3U bagħat il-qaddejja jxandru l-istedina minn fuq l-imkejjen għolja tal-belt:

4"Min hu ċkejken ħa jiġi għandi!" U lil min hu bla moħħ jgħidlu:

5"Ejjew, kulu l-ħobż tiegħi u ixorbu l-inbid li ħejjejt għalikom.

6Warrbu l-bluhat tagħkom, u tgħixu, u timxu 'l quddiem fl-għaqal."

7Min iwissi lill-insolenti, jaħbatlu ħażin, min iwiddeb il-ħażin, jaqla' t-tagħjir.

8Twiddibx lill-insolenti, għax jobogħdok; widdeb l-għaref, u jħobbok.

9Għallem lill-għaref, u jsir iżjed għaref; għarraf lill-ġust, u iżjed jitgħallem.

10Il-biża' tal-Mulej hu l-bidu tal-għerf, u li tagħraf lill-Qaddis hu d-dehen;

11għax bija jitkattrulek jiem ħajtek, u jiżdidulek snin għomrok.

12Jekk int għaref, lilek jiswa, jekk int insolenti, int biss tbati.

13Il-bluha hi mara mferfxa, moħħ ir-riħ u ma taħsibhiex.

14Tintefa' f'bieb darha, bilqiegħda fl-għoli fil-belt,

15issejjaħ lil min ikun għaddej, hu u sejjer dritt għal triqtu:

16"Min hu belhieni, jidħol hawn"; u tgħid lil min hu bla moħħ:

17"Ħelu hu l-ilma misruq, u tajjeb il-ħobż meħud bil-moħbi."

18U dak ma jindunax li hemm il-mejtin, li l-mistednin tagħha huma f'qiegħ l-art.

## Proverbji 10

### Il-proverbji ta' Salamun

1Il-proverbji ta' Salamun: Iben għaref iferraħ lil missieru, iben iblah inikket 'l ommu.

2Ma fihx qligħ l-għana bid-dnewwa, mill-mewt jinħeles min jimxi bis-sewwa.

3Ma jħallix il-Mulej il-ġust bil-ġuħ, iżda jġib fix-xejn xewqat il-ħżiena.

4Id l-għażżien iġġib fuqu l-faqar, imma id il-bieżel iġġiblu l-għana.

5Bil-għaqal hu min jaħżen fis-sajf, imma għajb għalih min jorqod fil-ħsad.

6Barkiet jinżlu fuq ras il-ġust, imma fomm il-ħżiena jaħbi l-vjolenza.

7It-tifkira tal-ġust titbierek, imma isem il-ħżiena jitħassar.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[8]Min hu tassew għaref jilqa' l-kmandamenti, iżda min hu iblah fi kliemu jiġi fil-għali.

[9]Min jimxi dritt, jimxi sod, iżda min jgħawweġ triqatu jinqabad.

[10]Min jagħlaq għajnejh għall-ħażen, iġib l-inkwiet, iżda min iwiddeb fil-beraħ, iġib is-sliem.

[11]Fomm il-ġust hu għajn tal-ħajja, imma fomm il-ħżiena jaħbi d-dnewwa.

[12]Il-mibegħda tqanqal il-ġlied, imma l-imħabba tgħatti kull ħtija.

[13]L-għerf jinsab fuq fomm min jifhem, imma l-bastun għal dahar min hu bla moħħ.

[14]In-nies bil-għaqal jaħżnu l-għerf, imma kliem l-iblah iqarreb il-qerda.

[15]Ġid l-għani hu l-belt qawwija tiegħu, faqar il-foqra hu l-qerda tagħhom.

[16]Xogħol il-ġust iwassal għall-ħajja, qligħ il-ħażen jintemm fid-dnub.

[17]Min jilqa' t-tagħlim, hu fi triq il-ħajja, iżda min iwarrab it-twiddib, jitlef it-triq.

[18]Min jgħid il-gideb jaħbi l-mibegħda, min iqassas fuq l-oħrajn hu iblah.

[19]Il-kliem żejjed mhux nieqes mill-ħtija; meqjus fi kliemu min hu bil-għaqal.

[20]Ilsien il-ġust fidda magħżula; moħħ il-ħżiena ftit li xejn jiswa.

[21]Xufftejn il-ġust jgħallmu lil ħafna, imma l-boloh jintemmu għax bla moħħ.

[22]Il-barka tal-Mulej iġġib l-għana, u xejn ma jżid magħha t-taħbit tagħna.

[23]Il-gost tiegħu l-iblah jagħmel il-ħażen, imma l-hena tal-għaref li jimxi bil-għaqal.

[24]Dak li minnu l-ħażin jibża', jiġi fuqu, imma tinqatgħalhom xewqithom lit-tajbin.

[25]Tgħaddi t-tempesta, u jgħib il-ħażin, imma l-ġust jibqa' fis-sod għal dejjem.

[26]Bħall-ħall għas-snien u bħad-duħħan għall-għajnejn, hekk hu l-għażżien għal min jibagħtu jaqdih.

[27]Il-biża' tal-Mulej ikattar l-għomor, imma l-ħżiena għomorhom qasir.

[28]It-tajbin jistennew u jithennew, imma l-ħżiena jittamaw għalxejn.

[29]Il-Mulej hu sur għal min jimxi sewwa, imma hu qerda għal min jagħmel il-ħażen.

[30]Il-bniedem ġust qatt ma jitħarrek, imma l-ħżiena ma jdumux fuq l-art.

[31]Minn fomm il-ġust joħroġ l-għerf, imma l-ilsien qarrieq jinqata' barra.

[32]Fomm il-ġust jgħid dak li jingħoġob, imma fomm il-ħżiena jitkellem bil-qerq.


© 2020 Malta Bible Society.

# Proverbji 11

1Miżien falz joboghdu l-Mulej imma jogħġbu l-użin tajjeb.

2Fejn tidħol il-kburija, jidħol l-għajb; imma l-umli jkollhom l-għerf.

3L-onestà tmexxi n-nies sewwa, imma l-brikkuni jinqerdu bit-tagħwiġ tagħhom.

4Għal xejn ma jiswa l-ġid f'jum l-għadab, imma l-ġustizzja teħles mill-mewt.

5Il-ġustizzja lit-tajbin tħarsilhom triqthom, imma l-ħażin bi ħżunitu jaqa'.

6Il-ġustizzja tan-nies sewwa teħlishom, imma l-brikkuni f'xewqathom jinqabdu.

7Malli jmut il-ħażin, ma jibqagħlux tama, u xewqat il-ħżiena jintemmu fix-xejn.

8Il-bniedem ġust jinħeles mill-għawġ, u minfloku l-ħażin jintefa' fih.

9Bi kliemu l-ħażin jagħmel ħsara 'l għajru, imma l-ġusti bil-għaqal jinħelsu.

10B'ġid il-ġusti tifraħ il-belt, u tgħajjat bil-ferħ għall-qerda tal-ħżiena.

11Bil-barka tat-tajbin tinbena l-belt, imma tiġġarraf b'fomm il-ħżiena.

12Min hu bla moħħ imaqdar 'l għajru, min hu bil-għaqal joqgħod kwiet.

13Min ilablab jikxef ħwejjeġ moħbija, imma min hu ta' min jafdah iżomm sigriet.

14Fejn m'hemmx min imexxi sewwa jaqa' l-poplu; fejn hemm ħafna mexxejja tajba, hemm il-kwiet.

15Min jagħmel tajjeb għal ħaddieħor hu jbati; min jobgħod jirhan ikun fiż-żgur.

16Mara ħelwa ġieħ ikollha; mara għadu tas-sewwa t-tmaqdir. L-għażżenin jiftaqru, imma l-beżlin jistagħnu.

17Min hu ħanin ġid lilu nnifsu jagħmel, imma ħsara jġib fuqu nnifsu l-kiefer.

18Il-ħażin ħlasu jkun fieragħ, imma min jiżra' s-sewwa qligħ tajjeb ikollu.

19Min iżomm mas-sewwa jkollu l-ħajja, imma min jimxi bil-ħażen jimxi lejn il-mewt.

20Nies ta' qlub mgħawġa jistmellhom il-Mulej, imma jitgħaxxaq b'dawk li triqthom dritta.

21Oqgħod żgur: il-ħażin ma jeħlishiex; imma wlied il-ġust meħlusa jkunu.

22Bħal ħolqa tad-deheb fi mnieħer ħanżir, hi mara sabiħa imma bla għaqal.

23It-tama tat-tajbin fil-ġid tintemm, imma l-ħżiena ħlief qerda m'għandhomx jistennew.


© 2020 Malta Bible Society.

24Hawn min iqassam minn ġidu u aktar jistagħna; u hawn min irekken u jgħix ta’ fqir.

25Min jagħti bil-qalb ikollu l-barka, u min ixabba’ l-oħrajn ikollu bix-xaba’.

26Min jaħbi l-qamħ jisħtuh in-nies, imma ’l dak li jbigħu jberkuh.

27Min iħabrek għall-ġid ikun milqugħ tajjeb, imma min ifittex id-deni, deni jsib.

28Min iserraħ fuq ġidu jispiċċa biex jaqa’, imma l-ġusti bħal werqa jħaddru.

29Min iħarbat daru jiret ir-riħ, u l-iblah isir qaddej l-għaqli.

30Il-frott tal-ġust hu siġra tal-ħajja, imma d-dnewwa tneħħi l-ħajja.

31Jekk il-ġust jitħallas fuq din l-art, kemm aktar il-midneb u l-ħażin!

## Proverbji 12

1Min iħobb id-dixxiplina, iħobb it-tagħlim, imma min jobgħod iċ-ċanfir hu bla moħħ.

2Min hu tajjeb jaqla’ ħniena mingħand il-Mulej, imma l-brikkun ikun ikkundannat.

3Il-ħżiena ma jkunu qatt fis-sod, imma għerq il-ġusti ma jinqala’ b’xejn.

4Mara tinqala’ l-foħrija ta’ żewġha, mara bla ġieħ bħal taħsir f’għadmu.

5Ħsibijiet il-ġusti skont is-sewwa, imma fehmiet il-ħżiena kollha qerq.

6Bi kliemhom il-ħżiena jonsbu għall-ħajja, imma kliem it-tajbin iġib il-ħelsien.

7Il-ħżiena jintrebħu u jintemmu, imma nisel it-tajbin jibqa’ sħiħ.

8Bniedem bil-għaqal ta’ min ifaħħru, bniedem ta’ qalb mgħawġa ta’ min jistmerru.

9Aħjar wieħed fqajjar li jaqla’ kemm jgħix, minn wieħed kburi li m’għandux ħobż.

10Il-ġust jieħu ħsieb sal-bhima tiegħu, imma l-ħażin qalbu kiefra.

11Min jaħdem l-għalqa tiegħu jiekol bix-xaba’, min jagħtiha għall-frugħat hu bla moħħ.

12Id-dar b’saħħitha tal-ħażin tiġġarraf, imma nisel it-tajbin iżomm sħiħ sal-aħħar.

13Il-ħażin jinqabad mill-qerq ta’ kliemu, imma l-ġust jeħles mill-għawġ.

14Bi kliem fommu jirnexxi l-bniedem, u bix-xogħol ta’ jdejh ikollu l-ħlas.

15Triqtu l-iblah jaraha tajba, imma l-għaref jieħu parir ħaddieħor.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

16L-iblah malajr juri s-saħna tiegħu, imma l-għaqli jaħbi l-għajb li jħoss.

17Min iħobb is-sewwa jixhed is-sewwa, imma min jixhed ħażin hu kollu qerq.

18Min iqassas b'ilsienu jinfed bħal sejf, imma lsien l-għorrief idewwi.

19Kliem is-sewwa jżomm sħiħ għal dejjem, imma l-ilsien giddieb għomru qasir.

20Il-qerq fil-qalb ta' min ifassal il-ħsara, u l-hena f'dawk li jfittxu l-ġid.

21L-ebda ħsara ma tiġi fuq il-ġust, imma l-ħżiena kollhom għawġ.

22Jistmell il-Mulej lil min hu giddieb, imma jitgħaxxaq b'min jagħmel is-sewwa.

23Bniedem għaqli jaħbi għerfu, imma l-iblah ixandar bluhitu.

24Min hu bieżel jimxi 'l quddiem, imma l-għażżien jibqa' qaddej.

25L-inkwiet ikiddha qalb il-bniedem, imma kelma tajba tferraħha.

26Il-ġust jaħrab mill-ħażen, imma triq il-ħżiena tmexxihom ħażin.

27L-għażżien ma jaqbadx x'jiekol, imma l-ħabrieka jiksbu ħafna ġid.

28Triq is-sewwa twassal għall-ħajja, imma l-ħażina tieħu għall-mewt.

## Proverbji 13

1Iben bil-għaqal jisma' tagħlim missieru, imma l-insolenti ma joqgħodx għaċ-
ċanfir.

2Min jagħmel il-ġid bi kliemu, ġid ikollu, imma ħsieb il-qarrieq iwassal għall-
vjolenza.

3Min jgħasses kliemu jħares ħajtu, min jgħid wisq jiġi fl-għali.

4Ix-xewqa tal-għażżien tibqa' bla temma, imma l-beżlin ikollhom bix-xaba'.

5Min hu ġust jobgħod il-gideb, il-ħażin jiżra' l-għajb u l-mistħija.

6Min jimxi bis-sewwa jitħares mis-sewwa, imma l-ħażin bi ħżunitu jiġġarraf.

7Hawn min jagħmilha ta' għani u m'għandu xejn; u hawn min jagħmilha ta' fqir
u għandu ħafna.

8L-għani b'ġidu jifdi lilu nnifsu, imma l-fqir m'għandux biex jinfeda.

9Dawl il-ġust jiddi bil-qawwa, imma jintefa musbieħ il-ħżiena.

10Min hu moħħu ħafif iġib il-ġlied bi kburitu, min jieħu l-parir isib l-għerf.

11Il-ġid miksub ta' malajr, malajr jinħela, imma min jiġma' ftit ftit, ikattar ġidu.

12It-tama mtawla tmarrad il-qalb, imma xewqa maqtugħa hi bħal siġra tal-ħajja.


© 2020 Malta Bible Society.

13Min iwarrab kelma tajba jgħarraq lilu nnifsu, min iweġġaħ il-kmand ikollu ħlas
tajjeb.

14Tagħlim l-għaref hu għajn il-ħajja għal min irid jeħles mix-xibka tal-mewt.

15Min hu bil-għaqal jirbaħ l-imħabba, min jimxi bil-qerq jiġġarraf.

16L-għaqli jagħmel kollox bi ħsieb, imma l-iblah juri fil-beraħ bluhitu.

17Ambaxxatur ħażin jaqla' l-inkwiet, messaġġier tajjeb iġib il-kwiet.

18Faqar u għajb fuq min iwarrab it-tagħlim, imma ġieħ ikollu min jilqa' t-twiddib.

19Xewqa maqtugħa tferraħ il-qalb; il-boloh ma jħobbux jitbiegħdu mill-ħażin.

20Min jagħmilha mal-għaref, isir għaref, min imur mal-boloh, jaqa' fl-hemm.

21Il-midinbin riżqhom ħażin, u l-ġusti jitħallsu bil-ġid.

22Ġid it-tajjeb jgħaddi b'wirt għal ulied uliedu, imma ġid il-midneb jirtuh il-ġusti.

23L-art mhix maħduma tista' tgħajjex lill-fqir, imma dan ma jsirx minħabba l-
inġustizzja.

24Min iżomm lura l-bastun jobgħod lil ibnu, imma min iħobbu jieħu ħsieb
iwiddbu.

25Il-ġust jiekol u jixba', imma l-ħżiena jibqgħu bil-ġuħ.

## Proverbji 14

1Għerf il-mara jibnilha darha u bluhitha b'idejha ġġarrafha.

2Min jimxi bis-sewwa għandu l-biża' tal-Mulej, min jimxi bl-imgħawweġ
jistmerru.

3Kliem l-iblah hu bastun għal dahru, imma xufftejn l-għorrief il-ħarsien
tagħhom.

4Fejn m'hemmx il-baqar, m'hemmx il-qamħ; b'saħħet il-gendus jinkisbu l-uċuħ
tajba.

5Xhud tajjeb ma jgħidx il-falz, imma xhud qarrieq gideb jgħid.

6Għalxejn l-insolenti jfittex l-għerf, imma ħafif it-tagħlim għal min hu bil-għaqal.

7Tagħmilhiex ma' min hu iblah, għax ma titgħallimx l-għerf minn fommu.

8B'għerfu l-għaqli jsib it-triq it-tajba, imma bluhiet il-boloh ħażin tmexxihom.

9Il-boloh jibqgħu fil-ħtija, imma t-tajbin ikollhom l-għaxqa ta' Alla.

10Qalb il-bniedem tagħraf l-imrar tagħha, u ħadd barra minnha ma jissieħeb fil-
ferħ tagħha.


© 2020 Malta Bible Society.

11Dar il-ħżiena tiġġarraf, imma l-għamara tat-tajbin tiġi ’l quddiem.

12Xi ħadd jista’ jaħseb li triqtu dritta, iżda mbagħad tmiemha jwassal għall-
mewt.

13Imqar fid-daħk titnikket il-qalb, u l-ferħ jintemm fin-niket.

14Il-ħażin jixba’ bi frott għemilu, u t-tajjeb jiekol minn għemejjel idejh.

15Min hu nieqes minn moħħu jemmen kollox, min moħħu jilħaqlu jara sewwa
qabel jemmen.

16L-għaref jaħsibha sewwa u jitbiegħed mid-deni, imma l-iblah jibqa’ għaddej
moħħu mistrieħ.

17Min hu bla sabar bluhat jagħmel, min hu tal-ħsieb jaf jistenna.

18Il-boloh bluhat jirtu, imma l-għaqlin jiżżejnu bl-għerf.

19Il-ħżiena jbaxxu rashom quddiem it-tajbin, u jitbaxxew il-midinbin wara bieb
il-ġusti.

20Lill-fqir lanqas qrabatu ma jriduh, imma l-għani għandu ħafna ħbieb.

21Ħażin jagħmel min imaqdar lil għajru, imma hieni hu min iħenn għall-fqir.

22Min jagħmel id-deni, mhux żbalji jagħmel? Min jagħmel il-ġid għandu t-tjieba
u l-fedeltà.

23Kull xogħol fih il-qligħ, imma l-kliem biss faqar iġib.

24L-għaqal hu ġieħ l-għorrief, u l-bluha tiżjin il-boloh.

25Min jixhed is-sewwa jsalva l-ħajja, imma l-giddieb hu traditur.

26Tama qawwija jkollu min għandu l-biża’ tal-Mulej, u wliedu wkoll isibu l-kenn.

27Il-biża’ tal-Mulej hu għajn tal-ħajja, bih wieħed jeħles mix-xibka tal-mewt.

28Kbir hu s-sultan li għandu poplu kbir sultan bla poplu ma jiswa għal xejn.

29Min għandu s-sabar jimxi b’għaqal kbir, min jisbel malajr bluhat kbar jagħmel.

30Mistrieħ il-moħħ hu ħajja għall-ġisem, imma l-għira tħassarlu l-għadam.

31Min jgħakkes il-fqir imaqdar lil min ħalqu, imma min iħenn għall-imsejken
iweġġħu.

32Il-ħażin jiġġarraf bi ħżunitu, it-tajjeb jistkenn fi tjubitu.

33L-għerf jgħammar f’moħħ min hu bil-għaqal, imma ma ssibux f’qalb il-boloh.

34Is-sewwa jkabbar ġieħ il-poplu, imma d-dnub iwaqqgħu fl-għajb.

35Is-sultan jinġibed lejn il-qaddej bil-għaqal, imma jistmerr il-qaddej bla ħila.


© 2020 Malta Bible Society.

# Proverbji 15

1Tweġiba ħelwa ttaffi l-korla, kelma iebsa tqajjem l-għadab.

2Ilsien l-għorrief ixerred it-tagħlim; fomm il-boloh iferragħ il-bluha.

3Kullimkien iħarsu għajnejn il-Mulej, jgħassu fuq il-ħżiena u fuq it-tajbin.

4Ilsien ħelu bħal siġra tal-ħajja, imma lsien ħażin imewwet il-qalb.

5L-iblah jistmell tagħlim missieru; bil-għaqal hu min jaf jilqa' t-twiddib.

6F'dar il-ġust hemm ġid kbir, imma qligħ l-inġust iġib l-għawġ.

7Xufftejn l-għorrief ixerrdu t-tagħlim; minn qalb il-boloh joħroġ il-qerq.

8Il-Mulej jistkerrah is-sagrifiċċju tal-ħżiena, imma jitgħaxxaq bit-talba tat-tajbin.

9Il-Mulej jistkerrah l-imġiba tal-ħżiena, imma jħobb 'il min ifittex is-sewwa.

10Tbeżbiża ħarxa jrid min joħroġ barra mit-triq; min jobgħod it-twiddib il-mewt
isib.

11Qiegħ l-Art u l-Imwiet quddiem għajnejn il-Mulej; kemm aktar qlub il-
bnedmin.

12L-insolenti ma jħobbx lil min iwiddbu, u ma jmurx għand l-għorrief.

13Il-qalb ferħana tagħmel il-wiċċ daħkan, imma l-qalb imnikkta tmewwet ir-ruħ.

14Min hu bil-għaqal ifittex it-tagħlim, imma l-boloh jirgħu fil-bluha.

15L-imsejken għomru kollu fid-dwejjaq, imma qalb il-hieni dejjem festa.

16Aħjar ikollok il-ftit bil-biża' tal-Mulej, milli jkollok teżor kbir bl-inkwiet tiegħu.

17Aħjar platt ħaxix mogħti bl-imħabba, minn gendus smin bil-mibegħda miegħu.

18Min jagħdab ħafna jġib l-inkwiet, min jimxi bis-sabar isikket il-ġlied.

19Triq l-għażżien hi kollha xewk, imma l-mogħdija tal-bieżla hi triq tajba.

20Iben bil-għaqal iferraħ 'il missieru, imma l-iblah ikasbar 'l ommu.

21Min hu bla moħħ jifraħ bil-bluha; min hu bil-għaqal jimxi sewwa.

22Tifsil ta' xogħol bla ħsieb jisfa' fix-xejn, imma bil-pariri ta' ħafna jmur tajjeb.

23Jifraħ min jaf jagħti tweġiba tajba; kelma f'waqtha, kemm hi sabiħa!

24Triq l-għaref tieħdu 'l fuq lejn il-ħajja, u tbiegħdu mill-mewt ta' taħt l-art.

25Il-Mulej iġarraf dar il-kburin, imma jżomm sħaħ ħitan l-armla.

26Il-Mulej jistkerrah ħsibijiet il-ħżiena, imma jitgħaxxaq bi kliem it-tajbin.


© 2020 Malta Bible Society.

27Ir-rgħib għall-qligħ inkwiet f'daru jġib, imma min jobgħod it-tixħim jgħix aħjar.

28Moħħ il-ġust jaħsibha qabel iwieġeb, imma lsien il-ħżiena jinfexx fil-ħażen.

29Il-Mulej jitbiegħed mill-ħżiena, imma jisma' talb il-ġusti.

30Wiċċ imdawwal iferraħ il-qalb, u aħbar tajba ssaħħaħ l-għadam.

31Min jilqa' t-twiddib għall-ġid, jagħmilha mal-għorrief.

32Min iwarrab it-tagħlim imur kontra tiegħu nnifsu, imma min jisma' t-twiddib jikseb id-dehen.

33Il-biża' tal-Mulej hu tagħlim l-għerf; u biex tasal għall-ġieħ, trid tiċċekken.

## Proverbji 16

1Il-bniedem jista' jfassal ħsibijietu, imma l-Mulej iqegħedlu l-kliem fuq ilsienu.

2Kulma jagħmel il-bniedem hu safi f'għajnejh, imma l-Mulej jaf x'tiswa qalbu.

3Ħalli f'idejn il-Mulej il-ħidma tiegħek, u jseħħu ħsibijietek.

4Kulm'għamel il-Mulej, għamlu bi ħsieb, saħansitra l-ħażin għal jum il-hemm.

5Il-Mulej jistmell lil kull min hu mkabbar; illum jew għada, ma jeħlishiex.

6Bit-tjieba u l-fedeltà tpatti għall-ħtija; u bil-biża' tal-Mulej taħrab il-ħażen.

7Min jogħġob lill-Mulej bl-imġiba tiegħu, ukoll mal-għedewwa jżomm is-sliem.

8Aħjar il-ftit bis-sewwa, minn ħafna qligħ bl-inġustizzja.

9Il-bniedem jaħseb u jfassal triqtu, imma l-Mulej imexxih minnha.

10Il-kelma ta' Alla fuq fomm is-sultan, ma jiżbaljax, hu u jaqta' l-ħaqq.

11L-istasija u l-miżien huma tal-Mulej, xogħlu, kull użin, li jinżamm fil-borża.

12Hu għajb għas-slaten li jagħmlu d-deni, għax it-tron tagħhom fuq il-ġustizzja biss iserraħ.

13Kliem il-ġust jogħġob lis-slaten; huma jħobbu lil min jgħid is-sewwa.

14L-għadab ta' sultan sinjal tal-mewt, u l-bniedem għaref jaf iberrdu.

15Wiċċ hieni ta' sultan jagħtik il-ħajja, u ħnientu bħal sħaba xita tar-rebbiegħa.

16Li tikseb l-għerf aħjar mid-deheb, li tikseb id-dehen aħjar mill-fidda.

17Triq il-ġusti mhijiex triq il-ħażen; min iħares triqtu jsalva ħajtu.

18Qabel il-qerda tiġi l-kburija, u qabel il-waqgħa t-tkabbir.

19Aħjar tiċċekken mal-fqajrin, milli taqsam il-priża mal-kburin.


© 2020 Malta Bible Society.

20Min jagħti widen għall-Kelma jmur tajjeb; hieni hu min jafda fil-Mulej!

21Min għandu d-dehen hu bniedem bil-għaqal, min jitkellem bil-ħlewwa hu
qawwi fi kliemu.

22Min għandu l-għerf għandu għajn tal-ħajja, imma l-boloh jissawtu bi
bluhathom.

23Moħħ l-għaref iqegħedlu l-għaqal fuq fommu, u jkattarlu l-qawwa ta' kliemu.

24Il-kliem ħelu bħal xehda għasel, hu ħlewwa tar-ruħ u saħħa tal-ġisem.

25Hemm min jaħseb li triqtu dritta, imbagħad tmiemha jwasslu għall-mewt.

26Il-ħaddiem jaħdem għax irid jiekol, għax il-ġuħ iġiegħlu jaħdem.

27Min ma jiswa għal xejn ħsara biss jagħmel, kliemu hu bħal nar iħeġġeġ.

28Min iħobb l-inkwiet iġib il-ġlied, u min ifesfes jifred il-ħbieb.

29Il-bniedem vjolenti jiġbed lil għajru miegħu, u jqabbdu triq ħażina.

30Min jagħmeż għajnejh jaħseb il-ħażin, min iross xufftejh jistieden id-deni.

31Ix-xagħar abjad kuruna ta' ġieħ, li tinkiseb b'ħajja tajba.

32Min għandu s-sabar aħjar mill-qalbieni, min jitrażżan aħjar mir-rebbieħ ta'
belt.

33Ix-xorti tintafa' f'ħoġorna, iżda hu l-Mulej li jtellagħha.

## Proverbji 17

1Aħjar loqma ħobż niexfa bis-sliem, minn dar mimlija bl-ikel u l-ġlied.

2Qaddej bil-għaqal jikkmanda iben bla ġieħ, u jaqsam il-wirt mal-aħwa.

3Il-fidda tissaffa fil-griġjol u d-deheb fin-nar, imma qlub il-bnedmin iġarrabhom
il-Mulej.

4Il-ħażin iħobb jisma' kliem il-qerq, u l-giddieb jagħti widen għall-ilsien ħażin.

5Min jidħak bil-fqir ikasbar lil min ħalqu; min jifraħ bid-deni jħallas għalih.

6Ulied l-ulied huma l-ġieħ tax-xjuħ, u l-kburija tal-ulied missirijiethom.

7Il-kliem sabiħ ma jixraqx lil min hu iblah; kemm aktar ma jixraqx il-gideb lil min
hu kbir.

8Rigal min ixaħħam bħal seħer fl-għajnejn, bih wieħed jirnexxi kull fejn imur.

9Min jistor il-ħtija jżomm l-imħabba, imma min itenniha jikser il-ħbiberija.

10Ċanfira waħda tolqot aktar lill-għaqli, minn mitt daqqa lill-iblah.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

11Il-ħażin iqum kontra min għandu s-setgħa, imma mbagħad messaġġier aħrax jintbagħat għalih.

12Aħjar tħabbat wiċċek ma' orsa li ħadulha l-frieħ, milli mal-iblah fis-siegħa ta' bluhatu.

13Min irodd id-deni għall-ġid, id-deni ma jwarrabx minn daru.

14Il-bidu tal-ġlied bħal żbroff tal-ilma, warrab qabel tibda xi ġlieda.

15Kemm min jeħles il-ħażin u kemm min jikkundanna l-ġust, it-tnejn jistmellhom il-Mulej.

16X'jiswew il-flus f'id l-iblah? Se jixtri bihom l-għerf, jekk m'għandux moħħ?

17Il-ħabib iħobbok kull ħin, bħal ħuk imwieled għal żmien l-hemm.

18Min hu bla moħħ jidħol garanti, u jagħmel tajjeb għal ħaddieħor.

19Min iħobb il-ġlied iħobb id-dnub; min jagħmel bieb għoli jistieden it-tiġrif.

20Il-qalb qarrieqa ma ssibx kwiet, u l-ilsien ħażin jiġi fl-għali.

21Missier l-iblah għali jkollu, m'għandux biex jifraħ b'iben bla moħħ.

22Qalb ferħana tagħti s-saħħa, ruħ imnikkta tmewwet il-ġisem.

23Il-ħażin jieħu r-rigali bil-moħbi, biex ma jaqtax il-ħaqq skont is-sewwa.

24L-għaqli jżomm l-għerf quddiem għajnejh, imma l-iblah idawwar għajnejh kullimkien.

25Iben iblah hu l-għali ta' missieru, u l-imrar ta' ommu li wilditu.

26Mhux sewwa tikkastiga 'l min hu bla ħtija; ħażin li ssawwat nies ta' ġieħ.

27Min għandu l-għerf kliemu meqjus, min għandu l-għaqal moħħu kalm.

28Lill-iblah ukoll, jekk jiskot, jaħsbuh għaref, u b'għaqli jgħodduh, jekk iżomm fommu sieket.

## Proverbji 18

1Min irid jinfired mill-oħrajn jara x'jaqla', u għal kull xejn jiġġieled.

2L-iblah ma jħobbx jimxi bl-għaqal, irid biss juri fehemtu.

3Il-ħażen iġib it-tmaqdir miegħu; jiġi l-għajb fuq min jitlef ġieħu.

4Kliem l-għaref bħal ilma fond, għajn l-għerf nixxiegħa ta' ilma ħaj.

5Mhux sewwa raġun tagħti lill-ħażin, biex tagħti tort lill-ġust fil-ħaqq.

6Kliem l-iblah jaqla' l-inkwiet, kliem fommu jġib il-ġlied.


© 2020 Malta Bible Society.

7Bi kliemu l-iblah jiġġarraf, fommu xibka għalih innifsu.

8Kliem ix-xewwiex bħal ikel bnin, li jinżel sa qiegħ l-istonku.

9Min jitnikker fuq xogħlu, jiġi ħu dak li jġarraf.

10Isem il-Mulej hu torri qawwi; fih jistkenn il-ġust b'moħħu mistrieħ.

11Ġid l-għani hu belt qawwija għalih; jistħajlu sur għoli madwaru.

12Il-bniedem jitkabbar, sakemm ma jaqax, biex tasal għall-ġieħ, trid tiċċekken.

13Min iwieġeb qabel ma jisma', bluha jagħmel u mistħija jkollu.

14Min hu ta' kuraġġ jiflaħ għall-mard, imma min qalbu maqtugħa, biex jintrefa'?

15Moħħ miftuħ jikseb l-għerf; l-għorrief jagħtu widen għat-tagħlim.

16Min jagħti r-rigali jiftaħ it-triq quddiemu, u jibqa' dieħel sa quddiem il-kbar.

17Min jitkellem l-ewwel taħsbu għandu raġun, sakemm ħaddieħor jgħarblu u jistaqsih.

18Bix-xorti twaqqaf il-ġlied, u taqta' min għandu raġun f'tilwima kbira.

19Ħuk imweġġa' jsir għalik bħal belt qawwija, u l-ġlied iebes daqs bieb ta' fortizza.

20Bi frott kliemu jixba' l-bniedem, bi kliem fommu jaqla' x'jiekol.

21Fis-setgħa ta' lsien il-mewt u l-ħajja, min jinqeda bih tajjeb jiekol minn frottu.

22Min isib mara jsib il-ġid, u jikseb il-barka tal-Mulej.

23Il-fqir jitlob bil-ħniena, u l-għani jwieġeb bil-herra.

24Hemm ħbieb tal-isem biss; ħabib tassew jintrabat miegħek aktar minn ħuk.

## Proverbji 19

1Aħjar fqir li jgħix bla ħtija, minn wieħed għani li jqarraq bi kliemu.

2Mhix tajba l-ħeġġa mingħajr il-ħsieb; u min jimxi bl-għaġla jitlef triqtu.

3Bi bluhatu l-bniedem jgħarraq ħajtu, u mbagħad jeħodha kontra l-Mulej.

4L-għana jiġbed ħafna ħbieb, imma l-fqir sa ħabibu jitilqu.

5Min jixhed il-falz ma jibqax bla kastig, u min ilissen il-gideb ma jeħlishiex.

6Ħafna jfittxu jinħabbu ma' min hu jdejh miftuħa, kulħadd ħabib ta' min iħobb jagħti.

7Lill-fqir sa ħutu jaħarbuh; kemm aktar ħbiebu jitbiegħdu minnu! Ifittixhom bi kliemu, imma kollu għalxejn.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

8Min jikseb id-dehen iħobb lilu nnifsu, min jgħożż l-għaqal ikollu r-riżq.

9Min jixhed il-falz ma jibqax bla kastig, u min ilissen il-gideb jintilef.

10Ma jixraqlux lill-iblah il-lussu; kemm anqas lill-ilsir li jaħkem fuq il-kbarat!

11Bniedem bil-għaqal idum ma jagħdab, hu ġieħ għalih jagħlaq għajnejh għall-offiża.

12L-għadab ta' sultan bħal għajta ta' ljun, imma ħnientu bħal nida fuq il-ħaxix.

13Iben iblah hu l-għali ta' missieru, u mara ġellieda bħall-ilma jqattar dejjem.

14Id-dar u l-għana wirt il-missirijiet, imma mara bil-għaqal hi don tal-Mulej.

15L-għażż iġib in-ngħas, u l-għażżien ibati l-ġuħ.

16Min iħares il-liġi jħares lilu nnifsu; min imaqdar il-kelma ta' Alla jmut.

17Min iħenn għall-fqir ikun qed jislef lill-Mulej, u hu jroddhulu bi ħlas tajjeb.

18Widdeb 'l ibnek dment li hemm tama għalih; imma tkunx daqshekk aħrax li twasslu għall-mewt.

19Min jagħdab iżżejjed ibati hu; u jekk teħilsu mill-kastig, jagħmel agħar.

20Isma' l-parir u ilqa' t-tagħlim, biex ikollok l-għerf sal-aħħar ta' ħajtek.

21Wieħed jista' jfassal ħafna ħsibijiet, imma dak li jseħħ hu l-ħsieb tal-Mulej.

22Il-bniedem jiġbdek bi tjubitu; aħjar tkun fqir milli giddieb.

23Il-biża' tal-Mulej iwassal għall-ħajja; min jimtela bih ma jilħqux id-deni.

24L-għażżien idaħħal idu fil-platt, u mank ireġġagħha lura lejn ħalqu.

25Jekk issawwat il-vjolenti, jitgħallem iċ-ċkejken, widdeb l-għaqli, u hu jifhmek u jitgħallem.

26Min jgħakkes lil missieru u jkeċċi 'l barra 'l ommu, hu iben bla ġieħ u kollu għajb.

27Tisma' xejn it-tagħlim, ibni, la trid titwarrab minn kliem l-għerf.

28Xhud ħażin jidħak bil-ġustizzja, u fomm il-ħżiena jibla' l-qerq.

29Għall-vjolenti hemm il-kundanna, u s-swat għal dahar il-boloh.

## Proverbji 20

1L-inbid jagħmlek vjolenti, u x-xorb qawwi storbjuż; mhuwiex għaqli min jingħata għalihom.

2Għadab is-sultan bħal għajta ta' ljun; min jiksirha miegħu, hemm ħajtu fin-nofs.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

3Hu ġieħ għal bniedem li jitbiegħed mill-ġlied; kull min hu iblah jistieden it-tilwim.

4L-għażżien ma jaħdimx ir-raba' fil-ħarifa; imbagħad għal xejn ifittex fi żmien il-ħsad.

5Il-ħsieb f'moħħ il-bniedem bħall-ilma f'bir fond; min moħħu jilħaqlu jaf joħroġhulu.

6Hafna jiftaħru bi tjubithom; imma min jista' jsib wieħed sinċier?

7Hu l-ġust li jimxi bir-reqqa; henjin uliedu li jiġu warajh!

8Sultan li joqgħod fuq it-tron tal-ħaqq, ixejjen il-ħażen bil-ħarsa t'għajnejh.

9Min jista' jgħid: 'Jien qalbi safja; jien nadif minn ħtijieti?'

10Użin doppju u kejl doppju, it-tnejn jobgħodhom il-Mulej.

11Imqar tifel jingħaraf minn għemilu, jekk hux safi u tajjeb f'imġibtu.

12Il-widna li tisma' u l-għajn li tara, it-tnejn il-Mulej għamilhom.

13Tħobbx l-irqad, għax tiftaqar; iftaħ għajnejk, u jkollok ħobż bix-xaba'.

14Imaqdar biss jaf ix-xerrej, u jmur jiftaħar b'dak li jkun xtara.

15Hemm id-deheb u ħaġar prezzjuż bil-kotra, imma kliem l-għerf hu egħżeż minnhom.

16Żommlu lbiesu 'l min jagħmel tajjeb għal ħaddieħor, żommhomlu b'rahan għal min hu barrani.

17Helu l-ħobż maqlugħ bis-serq, iżda mbagħad jimlielek ħalqek biż-żrar.

18Il-ħsibijiet jirnexxu bil-parir tajjeb, u agħmel il-gwerra wara ħafna ħsieb.

19Min ipaċpaċ ħafna ma jżommx sigriet; tagħmilhiex ma' min ilablab wisq.

20Min jisħet 'il missieru u 'l ommu, jintfielu d-dawl fl-aqwa tad-dlam.

21Il-ġid miksub bl-għaġla mill-ewwel, ma jkollux barka fi tmiemu.

22Tgħidx: 'Ha rrodd id-deni b'deni' imma stenna li l-Mulej jeħilsek hu.

23Użin doppju jobogħdu l-Mulej, miżien falz mhux sewwa quddiemu.

24Il-ħajja tal-bniedem imexxiha l-Mulej; u kif jista' l-bniedem jifhem triqtu?

25Jidħol f'xibka min jagħmel wegħda bl-għaġla, għax imbagħad jerġa' jibdielu.

26Sultan għaref itajjar il-ħżiena, u minn fuqhom jgħaddi r-romblu.

27Ir-ruħ fil-bniedem hi dawl il-Mulej, li jgħarrex il-moħbiet kollha tal-qalb.

28It-tjieba u l-fedeltà jħarsuh lis-sultan, u bil-ħniena jissaħħaħ it-tron tiegħu.


© 2020 Malta Bible Society.

29Il-foħrija taż-żgħażagħ hi saħħithom, u l-bjuda ta' xagħarhom il-ġieħ tax-xjuħ.

30Is-swat li jfieri sewwa jfejjaq il-ħsara, u d-daqqiet inaddfu sa qiegħ il-qalb.

## Proverbji 21

1Qalb is-sultan nixxiegħa ilma f'id il-Mulej; hu jmexxiha kull fejn jogħġbu.

2Kulma jagħmel il-bniedem hu safi f'għajnejh, imma l-Mulej jiżinlu qalbu.

3Li tagħmel il-ħaqq u s-sewwa jogħġob lill-Mulej aktar mis-sagrifiċċju.

4Għajnejn merfugħa u qalb imkabbra; dan hu s-sinjal tal-ħżiena, u hu dnub.

5Min hu bil-għaqal jaħsibha tajjeb u jirnexxilu; imma min jgħaġġel jiġi fil-bżonn.

6Min jaħżen il-ġid bil-qerq ta' lsienu bħal duħħan li jgħib u bħal xibka tal-mewt.

7Il-vjolenza tal-ħżiena għad teqridhom, għax ma jridux jagħmlu s-sewwa.

8Imgħawġa hi mġibet il-midneb, imma dritt għemil il-ġust.

9Aħjar tgħix f'rokna fuq bejt, milli f'dar kbira ma' mara ġellieda.

10Qalb il-ħażin tixtieq id-deni; m'għandux ħniena lanqas minn ħbiebu.

11Bit-twiddib tal-vjolenti jitgħallem iċ-ċkejken; u l-għaref bit-tagħlim ikattar
għerfu.

12Alla l-ġust iħares lejn dar il-ħażin; il-ħżiena jitfagħhom fil-ħsara.

13Min jagħlaq widnejh għall-għajta tal-fqir, ħadd ma jwieġbu meta jgħajjat hu.

14Għotja bil-moħbi ttaffi l-korla, rigal minn taħt iberred saħna kbira.

15Jifraħ il-ġust meta jsir ħaqq tajjeb, imma jibżgħu dawk li jagħmlu l-ħażen.

16Min joħroġ 'il barra mit-triq tal-għaqal, isib postu fil-ġemgħa tal-mejtin.

17Min iħobb ix-xalar jaqa' fil-faqar; min iħobb l-inbid u ikel bnin qatt ma
jistagħna.

18Iħallas il-ħażin għall-fidwa tal-ġust; u t-traditur għal min hu leali.

19Aħjar tgħix waħdek f'deżert, milli ma' mara ġellieda u inkejjuża.

20Teżori prezzjużi u fwieħa jibqgħu f'dar l-għaref, imma l-iblah iberbaq kollox.

21Min jimxi bil-ġustizzja u t-tjieba, ikollu ħajja u ġieħ.

22L-għaref jaħbat għal belt ta' nies qawwija, u jġarraf is-swar, il-mistrieħ ta'
moħħhom.

23Min irażżan fommu u lsienu, iħares mill-għawġ lilu nnifsu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

24Arroganti jissejjaħ min hu kburi u fieragħ, min hu mkabbar u mimli bih innifsu.

25Ix-xewqa tal-għażżien għall-mewt twasslu, għax ma jridx imidd idejh għax-
xogħol.

26Il-jum kollu l-ħażin jixtieq aktar, imma l-ġust jagħti b'idejh miftuħa.

27Is-sagrifiċċju tal-ħżiena jistmellu l-Mulej; kemm aktar meta jsir b'fehma
ħażina.

28Min jixhed il-falz jintilef; iżda min joqgħod għas-sewwa jżomm sħiħ.

29Il-ħażin wiċċu sfiq, u t-tajjeb ħsiebu f'għemilu.

30La l-għerf, la d-dehen u lanqas il-fehma ma jiswew xi ħaġa quddiem il-Mulej.

31Jista' jkun lest iż-żiemel għal nhar it-taqbida, imma r-rebħa tiġi mingħand il-
Mulej.

## Proverbji 22

1Aħjar isem tajjeb minn ħafna ġid, aħjar fama tajba mill-fidda u d-deheb.

2L-għani u l-fqir f'dan huma xorta waħda; li t-tnejn il-Mulej għamilhom.

3Min hu bil-għaqal jara l-għawġ u jwarrab; min hu moħħu ħafif jidħol fih u jħallas
għalih.

4Min jiċċekken u jibża' mill-Mulej, jieħu bi ħlasu għana, ġieħ u ħajja.

5Triq il-ħażin hi kollha xewk u għawġ; min jgħasses fuqu nnifsu jitbiegħed
minnhom.

6Ħarreġ tifel jimxi fit-triq it-tajba; ma joħroġx minnha lanqas meta jixjieħ.

7L-għani jaħkem fuq il-fqir, u min jissellef jaqa' f'idejn min silfu.

8Min jiżra' d-dnewwa jaħsad l-għawġ, u ħatar għadbu jiġi fix-xejn.

9Min hu qalbu tajba jkun imbierek, għax hu jaqsam ħobżu ma' min hu fqir.

10Warrab l-arroganti u jieqaf it-tilwim, u jintemm il-ġlied u t-tagħjir.

11Il-Mulej iħobb lil min hu qalbu safja; min jitkellem bil-ħlewwa jogħġob lis-
sultan.

12Il-Mulej iħares it-tagħlim, u jxejjen kliem il-qarrieq.

13L-għażżien jgħid: "Hemm iljun hemm barra; jekk noħroġ joqtolni f'nofs it-triq."

14Kliem il-mara żienja bħal bir bla qiegħ; fih jaqa' min għandu l-Mulej kontrih.

15Il-bluha b'għeruqha fil-qalb ta' kull tifel; bis-saħħa tat-twiddib taqlagħhielu 'l
barra.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

16It-tagħkis tal-fqir jista' jiswielu ta' ġid; min jagħti lill-għonja jiġi fil-bżonn.

### Ġabra oħra ta'għajdut

17Agħti widen u isma' kliem l-għorrief, u iftaħ moħħok għal tagħlimi.

18Ikun jaqbillek iżżommhom ġo fik, biex issibhom dejjem lesti f'fommok.

19Ħa ngħallmek illum triqat il-Mulej, biex fih tkun it-tama tiegħek.

20Ktibtlek jien tletin proverbju, kollhom pariri u tagħlim,

21biex nurik it-tajjeb u s-sewwa, ħa tkun taf twieġeb tajjeb lil min bagħtek.

22Tisraqx il-fqir għax hu fqir, u taħqarx l-imsejken fil-qorti;

23għax il-Mulej jiddefendi l-kawża tagħhom, u jeqred lil dawk li jridu
jeqirduhom.

24Tkunx ħabib ta' min jinkorla, tagħmilhiex ma' min jisħon malajr,

25biex ma tidrax tagħmel bħalu, u ssib ruħek fil-għawġ.

26Tkunx minn dawk li jagħmlu tajjeb għal ħaddieħor, tidħolx garanti għad-djun
tiegħu;

27għax jekk ma jkollokx biex tħallas, sa friexek jeħdulek minn taħtek.

28Tneħħix il-ġebel qadim ta' bejn għalqa u oħra, li missirijietek qegħduhom
b'sinjali.

29Qatt rajt wieħed imħarreġ fis-sengħa tiegħu? Dan mas-slaten issibu, u mhux
ma' nies bla isem ta' xejn.

## Proverbji 23

1Meta tkun qed tiekol ma' xi ħadd kbir, aħseb sewwa min għandek quddiemek;

2u jekk int wikkiel ħafna, agħmel sikkina ma' gerżumtek.

3Tixxennaqx għall-ikel bnin tiegħu, għax hu ikel li jqarraq bik.

4Titħabatx biex tikseb il-ġid, dan il-ħsieb neħħih minn moħħok;

5kif titfa' għajnejk fuqu, ikun ġa għadda; għax żgur irabbi l-ġwienaħ, u jtir bħal
ajkla fl-ajru.

6Tikolx il-ħobż ma' min hu xħiħ, tixxennaqx għall-ikel bnin tiegħu;

7għax hu bħal wieħed jgħodd bil-qjies f'qalbu. Jgħidlek: "Kul u ixrob", iżda mhux
minn qalbu.

8Il-bukkun li tiekol taqilgħu, u tkun ħlejt il-kliem sabiħ tiegħek.

9Toqgħodx titkellem ma' min hu iblah, għax hu jmaqdar il-kliem għaqli tiegħek.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

10Tneħħix il-ġebel qadim ta' bejn għalqa u oħra, u tidħolx fir-raba' tal-iltiema;

11għax min iħarishom qawwi ħafna, hu jiddefendi kontrik il-kawża tagħhom.

12Żomm moħħok fit-tagħlim, agħti widen għal kliem id-dehen.

13Tħallix lit-tifel bla twiddib; mhux se jmut għax issawtu bil-bastun.

14Jekk issawtu bil-bastun, tkun qed teħilsu mill-mewt.

15Ibni, jekk qalbek tħobb l-għerf, lili wkoll tferraħli qalbi;

16nifraħ b'qalbi kollha, meta minn fommok joħroġ is-sewwa.

17Tħallix lil qalbek tgħir għall-midinbin, iżda ibqa' kuljum fil-biża' tal-Mulej.

18Għax hemm ħajja għalik għaż-żmien li ġej, u t-tama tiegħek ma tkunx fiergħa.

19Isma', ibni, u kun bil-għaqal, u agħraf imxi fit-triq it-tajba.

20Tagħmilhiex ma' dawk li jlegilgu l-inbid, u ma' dawk li għandhom kilba għal-
laħam;

21għax l-ikel u x-xorb żejjed iwasslu għall-faqar, u min iħobb l-irqad iċ-ċraret
jilbes.

22Isma' minn missierek li tak il-ħajja, u tmaqdarx 'l ommok meta tixjieħ.

23Ixtri s-sewwa u terġax tbigħu; ikseb l-għerf, it-tagħlim u d-dehen.

24Missier il-ġust għandu ħafna għax jifraħ, min għandu ibnu għaref jithenna bih.

25Jithennew bik missierek u ommok, u tifraħ bik dik li wilditek!

26Ibni, agħtini qalbek, u għajnejk jitgħaxxqu bi triqati.

27Mara żienja hi bir bla qiegħ, mara ġerrejja bħal bir dejjaq.

28Bħal ħalliel toqgħod tissajja, u tkattar l-irġiel li jibdlu 'l marthom.

29Min hu fl-għali jew fin-niket? Min hu fil-ġlied u fl-inkwiet? Min hu msawwat
bla ma jaf għaliex? Min għandu għajnejh ħomor nar?

30Dawk li jdumu jixorbu l-inbid, dawk li jfittxu jduqu x-xorb imħawwar.

31Tħarisx lejn l-inbid meta jkun iħammar, meta jkun itextex fit-tazza.

32Jinżillek ħelu, u mbagħad bħal serp jigdmek, u bħal lifgħa jniggżek.

33Għajnejk jaraw kollox bil-maqlub, u minn moħħok joħroġ kliem imħawwad.

34Tkun qisek mimdud fuq wiċċ il-baħar, bħal wieħed mitluq mal-art fuq ġifen.

35U thewden: 'Laqtuni, imma ma ħassejtx; sawtuni, imma ma weġġajtx. Xħin niġi
f'tiegħi, nerġa' mmur infittex l-inbid.'

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

# Proverbji 24

1M'għandekx għalfejn tgħir għall-ħżiena jew tixtieq tagħmilha magħhom;

2għax fuq id-dnewwa jaħseb moħħhom, u kliem l-għawġ joħroġ minn fommhom.

3Id-dar bl-għerf tinbena u bid-dehen tissaħħaħ;

4bl-għaqal jimtlew il-kmamar, b'kull ġid għażiż u jogħġob.

5L-għaref aqwa minn wieħed b'saħħtu, min għandu t-tagħlim aqwa minn dak li
jiflaħ;

6għax bit-tmexxija għaqlija tintrebaħ il-gwerra, b'ħafna pariri tinkiseb ir-rebħa.

7L-għerf għoli wisq għall-iblah; f'bieb il-belt l-iblah ma jiftaħx fommu.

8Min jaħseb biex jagħmel id-deni, jissejjaħ bniedem tal-għawġ.

9Dnubiet huma ħsibijiet l-iblah, u l-arroganti jistmelluh in-nies.

10Jekk int tintreħa fir-riżq it-tajjeb, x'saħħa għandek fir-riżq il-ħażin?

11Lil min hu meħud għall-mewt eħilsu, lil min hu mkaxkar għall-qatla salvah.

12Jekk int tgħid: "Ma kontx naf b'dan"; taħseb li Dak, li jiżen il-qlub, ma jindunax?
Dak li jgħasses fuqek, kollox jaf; Hu jrodd lil kulħadd skont għemilu.

13Ibni, kul l-għasel, għax hu tajjeb, u l-qtar tax-xehda, għax togħmtu ħelwa.

14Kun af li hekk hu l-għerf għalik; jekk issibu, jiswielek għal li ġej, u t-tama
tiegħek ma tkunx fiergħa.

15Toqgħodx tissajja għal fejn joqgħod il-ġust, tagħmilx ħsara lil daru.

16Imqar jekk il-ġust jaqa' seba' darbiet, dejjem jerġa' jqum, imma l-ħżiena mill-
ħsara jibqgħu mifxula.

17Tifraħx meta jaqa' l-għadu tiegħek, tithenniex f'qalbek meta jogħtor;

18jekk jara dan il-Mulej ma jifraħx bik, u lilu jneħħilu l-korla tiegħu minn fuqu.

19Tinkeddx minħabba l-ħżiena, u tgħirx għal min jagħmel il-ħażen;

20għax il-ħżiena m'għandhomx tama għal li ġej, u d-dawl tal-ħżiena għad jintefa.

21Ibni, ibża' mill-Mulej u mis-sultan, u teħodha qatt kontra tagħhom it-tnejn;

22għax għal għarrieda minnhom tiġi l-ħsara, u l-qerda li minnhom tiġi min
jagħrafha?

### Kliem l-għorrief

23Dawn ukoll kliem l-għorrief: mhux sewwa żżomm ma' dak u mal-ieħor fil-
ħaqq.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

24Min lil ħati jgħidlu: "Int bla ħtija," jisħtuh il-popli, jistkerrhuh il-ġnus;

25imma dawk li jikkundannaw il-ħati riżqhom tajjeb, ikollhom fuqhom barka bil-
kotra.

26Min jagħti tweġiba onesta, daqs kemm kieku jagħti bewsa fuq ix-xufftejn.

27Qis li xogħlok ikun f'postu, u li jkollok kollox lest għal xogħol ir-raba'; u
mbagħad ibni darek.

28Tixhidx bla raġuni kontra għajrek, u tqarraqx bih b'xufftejk.

29Tgħidx: "Kif għamilli hu, nagħmillu jien; rroddlu skont għemilu."

30Għaddejt ħdejn l-għalqa ta' wieħed għażżien, ħdejn l-għalqa tad-dwieli ta'
wieħed bla moħħ;

31u rajtha kollha ħaxix ħażin, miksija kollha bil-ħurrieq, u l-ħitan tagħha mġarrfa.

32Ħarist lejha u qgħadt naħseb; rajtha u ħadt tagħlima:

33daqqa tongħos, daqqa torqod, daqqa torbot idejk biex tistrieħ;

34u jiġi fuqek bħal ħalliel il-faqar, u bħal wieħed armat l-għaks.

# Proverbji 25

### Proverbji oħra ta' Salamun

1Dawn ukoll proverbji ta' Salamun, miġbura min-nies ta' Ħeżekija, sultan ta'
Ġuda.

2Hu ġieħ għal Alla li ħaġa jaħbiha; imma ġieħ għas-slaten li jikxfuha.

3Għolja s-smewwiet u fond qiegħ l-art, u qalb is-slaten ma titkejjilx.

4Saffi mill-ħmieġ il-fidda, u tkun tajba għal min jaħdimha;

5neħħi l-ħżiena minn quddiem is-sultan, u jitwettaq bil-ġustizzja t-tron tiegħu.

6Tersaqx 'il quddiem lejn is-sultan, toqgħodx fejn joqogħdu l-kbarat;

7għax aħjar jgħidulek: "Itla' 'l fuq", milli jniżżluk 'l isfel quddiem il-kbarat. Dak li
tkun rajt

8ixxandrux malajr quddiem kulħadd, għax x'tagħmel imbagħad, meta fl-aħħar
għajrek iħammarlek wiċċek?

9Il-kawża tiegħek aqtagħha ma' għajrek, imma tikxifx dak li taf fuq ħaddieħor,

10li ma jmurx jgħajrek min jisimgħek, u t-tebgħa kerha ma tmurx minn fuqek.

11Bħal tuffieħ tad-deheb fuq platt tal-fidda, hi l-kelma li tingħad f'waqtha.


© 2020 Malta Bible Society.

12Bħal misluta tad-deheb u bħal kullana tad-deheb, hi t-twissija tal-għaref għal
min jismagħha.

13Bħall-frisk tas-silġ fi żmien il-ħsad, hu l-qaddej fidil għal min jibagħtu; u hu
qalb sidu jserraħ.

14Bħas-sħab u r-riħ bla xita, hu min jiftaħar li jagħti u ma jagħti qatt.

15Lil min hu kbir bis-sabar tfiehmu, bil-kelma t-tajba tkisser l-għadam.

16Jekk issib l-għasel, kul kemm teħtieġ; tikolx iż-żejjed għax ikollok taqilgħu.

17Toqgħodx ġej u sejjer f'dar ġarek, għax iddejqu u jixba' minnek.

18Bħal mazza jew sejf jew vleġġa misnuna, min jixhed ħażin kontra sieħbu.

19Bħal sinna mħassra u sieq imfekka, min jitma fi bniedem ħajjen fi żmien l-
inkwiet.

20Bħal ħall fuq ġerħa min joqgħod jgħanni lill-qalb muġugħa.

21Jekk l-għadu tiegħek bil-ġuħ, itimgħu; jekk inhu bil-għatx, isqih;

22hekk tiġmagħlu l-ġamar fuq rasu, u jkun il-Mulej li jroddlok.

23Kif ir-riħ fuq iġib ix-xita, hekk l-ilsien li jqassas iġib il-ħars bl-ikrah.

24Aħjar tgħix f'rokna fuq bejt, milli f'dar kbira ma' mara ġellieda.

25Bħall-ilma frisk għal min hu bil-għatx, hekk hi aħbar tajba minn art imbiegħda.

26Bħal nixxiegħa mdardra u għajn imniġġsa, hu l-ġust li jaqa' quddiem min hu
ħażin.

27Mhux tajjeb tiekol ħafna għasel; hekk ukoll min ifittex ġieħ fuq ieħor.

28Bħal belt miftuħa u bla ħitan, hekk hu l-bniedem li ma jitrażżanx.

## Proverbji 26

1Bħas-silġ fis-sajf u x-xita waqt il-ħsad, hekk il-ġieħ lill-iblah ma jixraqlu xejn.

2Bħal għasfur maħrub, bħal ħuttafa tittajjar, saħta għal xejn b'xejn ma sseħħx fis-
sema.

3Il-frosta għaż-żiemel, ir-riedni għall-ħmar, u l-ħatar għal dahar il-boloh.

4Tweġibx lill-iblah skont bluhatu, biex ma tkunx bħalu int ukoll.

5Wieġeb lill-iblah skont bluhatu, biex ma jaħsibx li hu xi għaref.

6Min jibgħat lill-iblah jagħmillu xi qadja, ikun qed jaqta' riġlejh u jixrob l-inkwiet.

7Bħar-riġlejn imdendla ta' wieħed zopp, hekk proverbju fuq fomm l-iblah.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

8Bħal min jorbot iż-żrar mal-iżbandola, hekk hu min jagħti ġieħ lill-iblah.

9Bħal xewka f'id wieħed fis-sakra, hu proverbju fuq fomm l-iblah.

10Bħal min itajjar il-vleġeġ fuq kull min jgħaddi, min jinqeda bl-iblah u s-sakranazz.

11Bħal kelb li jerġa' jiekol dak li jaqla', hekk l-iblah li jtenni bluhatu.

12Qatt rajt wieħed jidhirlu li hu għaref? Hemm aktar tama għall-iblah milli għalih.

13L-għażżien jgħid: "Hemm iljun fit-triq! Hemm iljun f'salib it-toroq!"

14Il-bieb idur fuq iċ-ċappetti, u l-għażżien jitqalleb fuq friexu.

15L-għażżien idaħħal idu fil-platt, u qajla jreġġagħha lura lejn ħalqu.

16L-għażżien jidhirlu li hu aktar għaref, minn sebgħa li jafu jwieġbu sewwa.

17Min jindaħal fi ġlied ħaddieħor, ikun qed jaqbad kelb minn widnejh.

18Bħal wieħed miġnun li jwaddab xrar tan-nar u vleġeġ tal-mewt,

19hekk min iqarraq b'ħaddieħor, imbagħad jgħid: "Dan biex niċċajta."

20Jekk ma jkunx hemm ħatab, jintefa n-nar, u jekk ma jkunx hemm min isefsef, jieqaf il-ġlied.

21Bħall-faħam għall-ġamar u l-ħatab għan-nar, hekk il-ġellied biex ikebbes it-tilwim.

22Kliem is-sefsief bħal ikel bnin, li jinżel sa qiegħ l-istonku.

23Kisja tal-fidda fuq biċċa tal-fuħħar, huma x-xufftejn ħelwin ma' qalb qarrieqa.

24Min jobogħdok jinħeba fi kliemu; f'qalbu jbejjet il-qerq;

25jekk ikellmek bil-ħlewwa, temmnux; f'qalbu għandu seba' saħtiet.

26Bil-qerq jaħbi l-mibegħda tiegħu, imma ħżunitu tinkixef quddiem il-ġemgħa.

27Min iħaffer ħofra jaqa' ġo fiha, min igerbeb blata, tinqaleb fuqu.

28Ilsien giddieb jobgħod is-sewwa, u fomm imelles iwassal għat-tiġrif.

## Proverbji 27

1Tiftaħarx bil-jum ta' għada, għax ma tafx x'se jġib miegħu l-jum.

2Ħa jfaħħrek ħaddieħor, iżda mhux fommok; min hu barrani, iżda mhux xufftejk.

3Il-ġebel qawwi u r-ramel tqil, imma qillet l-iblah itqal minnhom it-tnejn.

4Il-qilla kiefra u l-għadab ikaxkar; imma l-għira min jista' għaliha?

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

5Aħjar ċanfira f'wiċċek, minn imħabba moħbija.

6Is-swat ta' min iħobb, sinċier, il-bews ta' min jobgħod, qarrieq.

7Min hu xebgħan sal-għasel idejqu, min hu bil-ġuħ kull morr jiġih ħelu.

8Bħal għasfur li jitbiegħed mill-bejta, hekk hu dak li jitbiegħed minn daru.

9Il-fwieħa u l-inċens iferrħu l-qalb, u l-ħlewwa ta' ħabib hena tar-ruħ.

10Tinsiex lil ħabibek u 'l ħabib missierek, tmurx f'dar ħuk meta tkun fl-inkwiet.
Aħjar ġar fil-qrib minn ħuk fil-bogħod.

11Kun għaref, ibni, u ferraħli qalbi, biex inkun nista' nwieġeb lil min jgħajjarni.

12Min hu bil-għaqal jara l-għawġ u jwarrab; min moħħu ħafif jidħol fih u jħallas
għalih.

13Żommlu lbiesu 'l min jagħmel tajjeb għal ħaddieħor; żommhomlu b'rahan għal
min hu barrani.

14Min ibierek lil ġaru b'leħen għoli, sa minn sbieħ il-jum, tistħajlu aktar qiegħed
jisħtu.

15L-ilma jqattar dejjem f'jum ix-xita, u mara ġellieda, it-tnejn xorta;

16tipprova żżommilha, qisek qed iżżomm ir-riħ, jew taqbad b'idek iż-żejt.

17Kif il-ħadid isinn il-ħadid, hekk bniedem jirfina lil sieħbu.

18Min jieħu ħsieb is-siġra tat-tin jiekol minn frottha, u min iħares lil sidu jkollu
l-ġieħ.

19Kif fl-ilma tara wiċċek, hekk f'qalb ħaddieħor tara qalbek.

20Qiegħ l-Art u l-Imwiet qatt ma jimtlew; hekk qatt ma jixbgħu għajnejn il-
bniedem.

21Il-fidda tidher bin-nar u d-deheb fil-forn; u l-bniedem jintwera bil-fomm ta'
min ifaħħru.

22Lanqas jekk tisħqu f'mehrież lill-iblah, ma tneħħilu minn fuqu bluhatu.

23Agħraf sewwa n-nagħaġ tiegħek, ħu ħsieb l-imrieħel tiegħek;

24għax l-għana ma jibqax għal dejjem, u lanqas il-ġieħ minn nisel għal ieħor.

25Jintemm il-ħaxix u jidher inbiet ieħor, u jinġabar il-ħaxix tal-għoljiet;

26il-ħrief jagħtuk x'tilbes, il-gidjien jiswewlek daqs għalqa;

27il-mogħoż jagħtuk ħalib biżżejjed għall-ikel tiegħek u tan-nies ta' darek, u
għall-għajxien tax-xbejbiet tiegħek.


© 2020 Malta Bible Society.

# Proverbji 28

[1]Il-ħażin jaħrab għalkemm ħadd ma jiġri warajh; imma l-ġust qalbieni bħal iljun.

[2]Minħabba l-ħtija ta' pajjiż ħafna huma l-ħakkiema; imma b'raġel dehni u għaref,
il-pajjiż iżomm sħiħ fit-tul.

[3]Bniedem setgħan li jgħakkes il-fqar, bħax-xita bil-qliel li ma tagħtix ħobż.

[4]Dawk li jwarrbu l-Liġi jfaħħru l-ħażin, imma dawk li jħarsuha jeħduha kontrih.

[5]In-nies ħżiena ma jifhmux fil-ħaqq, imma dawk li jfittxu l-Mulej kollox jifhmu.

[6]Aħjar il-fqir li jgħix bla ħtija, mill-għani li jimxi bit-tagħwiġ.

[7]Min iħares il-Liġi hu tifel bil-għaqal, iżda min jagħmilha mal-wikkiela hu l-għajb
ta' missieru.

[8]Min ikattar ġidu bl-imgħax u l-qligħ żejjed, ikun ifaddal għal dak li jħenn għall-
foqra.

[9]Min isodd widnejh biex ma jismax il-Liġi, Alla wkoll jistmell it-talb tiegħu.

[10]Min idaħħal it-tajbin fi triq ħażina, jaqa' fil-ħofra li jkun ħaffer. Imma min hu
bla ħtija jkollu wirt tajjeb.

[11]L-għani jaħseb li hu għaref, imma l-fqir bil-għaqal jagħrfu sewwa.

[12]Meta jirbħu l-ġusti, ikun hemm ferħ kbir; imma meta jitilgħu l-ħżiena, in-nies
tinħeba.

[13]Min jaħbi ħtijietu ma jiksibx ġid, imma min jistqarrhom u jaqtagħhom jaqla' l-
ħniena.

[14]Hieni l-bniedem li dejjem jibża' minn Alla! Imma min iwebbes qalbu jiġi fl-
għali.

[15]Bħal iljun jgħajjat u ors bil-għatx, hu mexxej ħażin ta' poplu msejken.

[16]Mexxej nieqes minn moħħu jgħakkes dejjem aktar; imma min jobgħod il-qligħ
ħażin jgħix għomor twil.

[17]Min xerred demm ħaddieħor, jiġri lejn il-qabar u ħadd ma jeħilsu.

[18]Min jimxi bis-sewwa jsalva, imma min jimxi bl-imgħawweġ jaqa' fil-ħofra.

[19]Min jaħdem ir-raba' tiegħu jiekol bix-xaba', imma min jingħata għall-frugħat
jirkbu l-għaks.

[20]Bniedem onest ikollu barka bil-kotra, imma kastig ikollu min irid jistagħna
malajr.

[21]Mhux sewwa tħares lejn l-uċuħ; għal loqma ħobż tagħmel il-ħażin.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

22Min hu rgħib irid jistagħna f'qasir żmien, bla ma jaħseb li għad jilħqu l-għaks.

23Jekk twissi lil xi ħadd, fl-aħħar tirbaħ imħabbtu, aktar minn dak li jżiegħel bih bi kliemu.

24Min lil missieru u 'l ommu jisraq u jgħid mhux dnub, ikun qed jissieħeb mal-ħalliel.

25Min hu rgħib iġib il-ġlied, imma min jittama fil-Mulej jistagħna.

26Min jafda fih innifsu hu iblah, imma min jimxi fit-triq tal-għerf jimxi fis-sod.

27Min jagħti lill-fqir ma jkun jonqsu xejn, imma min jagħlaq għajnejh saħtiet ikollu.

28Meta jitilgħu l-ħżiena, in-nies tinħeba, imma meta jaqgħu, joktru t-tajbin.

## Proverbji 29

1Min ikun imwiddeb u jibqa' jwebbes rasu, malajr jiġġarraf u ma jkollux fejqan.

2Meta s-setgħa tkun f'idejn il-ġusti, jifraħ il-poplu, imma meta jaħkmu l-ħżiena, il-poplu jitniehed.

3Min iħobb l-għerf iferraħ lil missieru, min imur man-nisa żienja jberbaq ġidu.

4Is-sultan bil-ġustizzja jżomm l-art sħiħa, imma jekk jixxaħħam, iġibha fix-xejn.

5Min iżiegħel b'ħabibu, ikun jifrixlu xibka għal riġlejh.

6Bi ħżunitu l-ħażin jinqabad f'nassa, imma l-ġust jiġri u jifraħ.

7Il-ġust jagħraf drittijiet il-fqajrin, imma l-ħażin dan ma jifhmux.

8L-arroganti jkebbsu n-nar fil-belt, imma l-għorrief iberrdu l-qilla.

9Jekk l-għaref ikollu xi jgħid mal-iblah, dan erħilu jgħajjat u jidħak bla waqfien.

10Il-qattiela jobogħduh lil min hu bla ħtija, iżda l-ġusti jħarsulu ħajtu.

11L-iblah jagħdab b'saħħtu kollha, imma l-għaref irażżan għadbu.

12Jekk mexxej jagħti kas tal-gideb, il-kbarat tiegħu kollha jkunu ħżiena.

13Il-fqir u min jaħqru f'dan jaqblu: lilhom it-tnejn il-Mulej jagħtihom id-dawl.

14Jekk sultan jagħmel ħaqq lill-fqajrin bis-sewwa, it-tron tiegħu jibqa' għal dejjem.

15Il-bastun u t-twiddib jagħmlu l-għorrief; imma tifel mitluq għal riħu jagħmel għajb lil ommu.

16Sakemm jaħkmu l-ħżiena, joktor il-ħażen, imma l-ġusti jaraw il-waqgħa tagħhom.


© 2020 Malta Bible Society.

17Widdeb lil ibnek, u hu jkun l-hena tiegħek; ikun l-għaxqa ta' qalbek.

18Jekk ma jkunx hemm min iwissi, il-poplu jsir bla rażan; imbierek hu min iħares
il-Liġi!

19Bil-kliem biss ma twiddibx il-qaddej; għax hu jifhmek, imma ma jobdikx.

20Tara xi wieħed dejjem mgħaġġel biex jitkellem? Hemm aktar tama għall-iblah
milli għalih.

21Min ifissed il-qaddej minn ċkunitu, fl-aħħar jispiċċa biex jidħol floku.

22Min jagħdab ħafna jqajjem il-ġlied, u min jisbel jagħmel ħafna żbalji.

23Il-kburija ċċekken il-bniedem, imma min jiċċekken jikseb il-ġieħ.

24Min jissieħeb mal-ħalliel jobgħod lilu nnifsu; meta jkun mitlub jaħlef, ma
jikxfux.

25Min jibża' mill-bniedem jaqa' fi xkiel; imma min jittama fil-Mulej ikun fil-kenn.

26Ħafna jfittxu l-favuri ta' min hu kbir; imma l-Mulej biss jagħmel ħaqq mal-
bniedem.

27Il-ġusti jistmellu 'l min hu ħażin, u l-ħżiena jistmellu 'l min jimxi sewwa.

## Proverbji 30

### Kliem ta' Agur

1Kliem ta' Agur bin Ġaki, minn Massa. Hekk jgħid il-bniedem: "Għejejt, O Alla,
għejejt, O Alla, u nħossni mifni.

2Tassew, iblah jien aktar minn kulħadd, m'għandix fija l-għaqal tal-bniedem.

3L-għerf jien ma tgħallimtux, u 'l Dak li hu Qaddis ma nagħrfux.

4Min qatt tala' s-sema u raġa' niżel? Min ħakem ir-riħ fil-keffa ta' idu? Min ġabar
l-ilma fi ħwejġu? Min ħażżeż it-trufijiet kollha tal-art? Taf x'jismu, u x'jismu ibnu?

5Kull kelma ta' Alla għaddiet mill-prova; hu tarka għal kull min jistkenn fih.

6Iżżid xejn ma' kliemu, għax hu jċanfrek u jgiddbek.

7Dawn it-tnejn jien nitlob mingħandek, tiċħadhomlix qabel ma mmut:

8Biegħed minni l-qerq u l-gideb; tagħtinix la faqar u lanqas għana, iżda agħtini l-
ikel li neħtieġ.

9Għax jekk ikolli bix-xaba', nista' niċħdek, u ngħid: "Min hu l-Mulej?" Jekk
niftaqar, nasal biex nisraq u nkasbar isem Alla.

10Tgħidx kontra l-qaddej ma' sidu, għax hu jisħtek, u tħallasha qares.


© 2020 Malta Bible Society.

11Xi wħud jisħtu 'l missierhom, u 'l ommhom ma jberkuhiex.

12Xi wħud jidhrilhom li huma safja, imma ma tnaddfux minn ħmieġhom.

13Oħrajn, kemm għandhom għajnejhom merfugħa, u x'ħarsa għandhom ta'
kburin!

14Xi wħud li għandhom snienhom sjuf u drashom skieken; jaħtfu l-fqir minn fuq
l-art, u l-imsejken minn fost il-bnedmin.

15Is-sangisuga għandha żewġt ibniet, u dejjem jgħidu: "Tini, tini". Tlieta huma li
qatt ma jixbgħu, u r-raba', li qatt ma tgħid: "Biżżejjed!":

16Art l-Imwiet, il-ġuf bla wlied, l-art niexfa bl-għatx, u n-nar li qatt ma jgħid:
"Biżżejjed!"

17Min jiddieħak b'missieru, u jagħmel il-ħsieb li ma jismax minn ommu, wara
mewtu jaqlagħlu għajnejh iċ-ċawl, u jikluh il-frieħ tas-seqer.

18Tliet ħwejjeġ huma tal-għaġeb għalija, anzi erbgħa li ma nifhimhomx:

19it-triq tal-ajkla fl-ajru, it-triq tas-serp fuq il-blat, it-triq tal-ġifen f'nofs ta' baħar,
it-triq ta' raġel lejn xebba.

20Din hi l-ħajja tal-mara żienja: tiekol u timsaħ ħalqha; imbagħad tgħid: "Ma
għamilt xejn ħażin."

21Minħabba tlieta titriegħed l-art, u r-raba' ma tiflaħx għaliha:

22ilsir li jilħaq sultan, iblah li jixba' bil-ħobż,

23mara tiżżewweġ bla maħbuba, u qaddejja li tilħaq flok sidtha.

24Erba' ħwejjeġ huma l-iżgħar fl-art, iżda huma wkoll l-aktar għorrief:

25in-nemel mhumiex qawwija, iżda jħejju fis-sajf ikilhom;

26il-fniek selvaġġi huma bla saħħa, iżda jagħmlu fil-blat il-bejta tagħhom;

27il-ġradijiet li m'għandhomx sultan, iżda kollha jtiru mqassmin fi qtajja';

28il-gremxula b'idek taqbadha, iżda hi tidħol f'dar is-sultan.

29Tlieta għandhom mixja sabiħa, u r-raba' joħroġ b'bixra ta' ġieħ:

30l-iljun, l-aqwa fost il-bhejjem, li xejn ma jreġġgħu lura;

31is-serduq wieqaf, il-bodbod, u s-sultan f'ras il-poplu tiegħu.

32Jekk tbellaht għax tkabbart, jew jekk fassalt il-ħażen, qiegħed idek fuq
fommok;

33għax jekk tagħsar il-ħalib, toħroġ il-baqta, jekk tagħsar imnieħrek, joħroġ id-
demm, u jekk tagħsar l-għadab, joħroġ il-ġlied.


© 2020 Malta Bible Society.

# Proverbji 31

## Kliem Lemuwel

1Kliem Lemuwel, sultan ta' Massa, li tgħallem mingħand ommu.

2X'se ngħidlek, ibni? X'se ngħidlek, bin ġufi? X'se ngħidlek, bin il-wegħdi tiegħi?

3Taħlix saħħtek man-nisa, tagħtix ħajtek lil dawk li jgħarrqu s-slaten.

4Ma jixraqx li s-slaten jixorbu l-inbid, u li l-mexxejja jieħdu xorb qawwi.

5Jekk ikunu xurbana, jinsew il-liġi, u jdawru l-ħaqq kontra kull imsejken.

6Ix-xorb qawwi hu għal min hu mdejjaq, u l-inbid għal min hu qalbu sewda.

7Jixrob u jinsa l-faqar tiegħu, u ma jiftakarx iżjed fl-hemm tiegħu.

8Iftaħ fommok għall-imbikkmin, biex taqbeż għal kull min hu msejken.

9Iftaħ fommok u agħmel ħaqq bis-sewwa, ħares id-drittijiet tal-fqir u l-imsejken.

## Il-mara għaqlija

10Mara ta' ħila min isibha? Tiswa ħafna aktar mill-ġawhar.

11Fuqha tistrieħ qalb żewġha, u dan żgur ikunlu ta' ġid.

12Riżq tajjeb iġġiblu, u mhux ħażin, il-jiem kollha ta' ħajjitha.

13Tfittex suf u ħjut tal-qoton, u taħdmu bil-qalb b'idejha.

14Bħal ġifen tal-merkanti, hi ġġib mill-bogħod ikilha.

15Tqum ikun għadu billejl, tħejji l-ikel għan-nies ta' darha, u x-xogħol lix-xebbiet tagħha.

16Titfa' għajnejha fuq għalqa, u tixtriha; bil-qligħ ta' idejha tħawwilha dwieli.

17Tħażżem ġenbejha bil-qawwa, u ssaħħaħ għax-xogħol dirgħajha.

18Tara r-riżq tax-xogħol tagħha; lanqas billejl ma titfi l-musbieħ tagħha.

19Tmidd idejha għall-magħżel, jaqbdu d-dussies idejha.

20Tiftaħ mal-fqir idejha, tmidd idejha lejn l-imsejken.

21Ma tibżax mis-silġ għan-nies ta' darha, għax kollha għandhom żewġt ilbiesi.

22Ħwejjiġha hi tagħmilhom; għażel fin u porpra lbiesha.

23Żewġha magħruf f'bieb il-belt, meta joqgħod mal-kbarat tal-pajjiż.

24Tinseġ drapp tal-għażel u tbigħu; u tagħti trieħi lill-merkanti.

25Tilbes bil-ġieħ u l-qawwa, tħares daħkana lejn il-ġejjieni.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

26Kliem l-għerf għandha fuq fommha, kliem it-tjieba fuq ilsienha.

27Ħsiebha fit-tmexxija ta' darha, minn ħobż l-għażż ma tiekol qatt.

28Uliedha jqumu u hienja jsejħulha; u żewġha wkoll ifaħħarha u jgħidilha:

29"Ħafna nisa wrew ħila kbira imma inti lkoll għaddejthom."

30Qarrieqa l-ħlewwa tal-mara, fiergħa sbuħitha; mara li tibża' mill-Mulej ta' min
ifaħħarha.

31Agħtuha mill-frott ta' xogħol idejha. Ħa jfaħħruha f'bibien il-belt l-għemejjel
tagħha.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

# Koħèlet

## Koħèlet 1

### Kollox frugħa

1Kliem Koħèlet bin David, sultan f'Ġerusalemm.

2O frugħa tal-frugħat, jgħid Koħèlet. O frugħa tal-frugħat! Kollox frugħa!

3Xi qligħ għandu l-bniedem mit-taħbit tiegħu kollu, li jġarrab taħt ix-xemx?

### Xejn ġdid

4Ġenerazzjoni tmur u oħra tiġi, imma l-art tibqa' għal dejjem.

5Ix-xemx titla', ix-xemx tinżel, u tgħaġġel lejn mnejn titla'.

6Jonfoħ ir-riħ lejn in-Nofsinhar, u lejn it-Tramuntana jdur, u jerġa' lura lejn it-tidwir tiegħu.

7Ix-xmajjar kollha lejn il-baħar jiġru, iżda ma jimteliex il-baħar bihom; mnejn ikunu bdew il-mixja tagħhom, 'l hemmhekk ix-xmajjar jerġgħu jmorru.

8Kollox fih it-taħbit tiegħu, u dan il-bniedem ma jasalx li jfissru; l-għajn ma tixbax tara, u ma timtela qatt bis-smigħ il-widna.

9Dak li ġa sar hu dak li għad isir, li ġara huwa dak li għad jiġri; xejn ġdid m'hemm taħt ix-xemx.

10Hemm xi ħaġa li fuqha tista' tgħid: "Ara din ħaġa ġdida?" Le, din diġà kienet fiż-żminijiet qabilna.

11La dak li sar qabilna ma niftakru, lanqas jiftakru dak li jsir warajna.

### Il-frugħa tal-għerf

12Jien Koħèlet, kont Ġerusalemm, insaltan fuq Iżrael.

13U tajt ruħi biex infittex u nistħarreġ bl-għerf dak kollu li jsir taħt is-sema. Biċċa xogħol iebsa din li Alla ta 'l ulied il-bniedem biex jedhew fiha.

14Rajt l-għemejjel kollha li jsiru taħt ix-xemx, u ara x'sibt: kollox frugħa u ġiri wara r-riħ.

15L-imgħawweġ ma tistax tiddrittah, u n-nieqes ma tistax issib tarfu.

16Għedt bejni u bejn ruħi: "Ara, jien kbirt u geddist l-għerf, għaddejt lil ta' qabli kollha f'Ġerusalemm; sirt midħla sewwa tal-għerf u x-xjenza."

17Xħin imbagħad inxħett nistħarreġ l-għerf u x-xjenza, il-bluha u n-nuqqas ta' moħħ, għaraft li dan ukoll hu ġiri wara r-riħ.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

18Għax il-kotra tal-għerf iġġib ħafna tħassib, u aktar ma taf aktar għandek biex titnikket.

## Koħèlet 2

### Il-frugħa ta' xewqat u ta' għemil il-bniedem

1Għedt lili nnifsi: "Ejja, mela, ħa nippruvak bl-hena u ndewqek il-pjaċir." Iżda hemm hi: frugħa mill-ġdid.

2"Dan id-daħk," għedt jien, "hu ġenn, u l-pjaċir x'ġid iħalli?

3Qtajtha li nferraħ lil ġismi bl-inbid u, waqt li nżomm ħsiebi fl-għerf, nieħu li
nista' mill-ferħ tal-boloh ħa nara jekk hux hawn l-hena tal-bniedem, f'dak kollu li jagħmlu l-bnedmin taħt is-sema tul il-jiem magħduda ta' ħajjithom.

4Indħalt għal opri kbar: bnejt għalija palazzi,

5ħawwilt dwieli, għamilt ġonna u oqsma, ħawwilt fihom siġar tal-frott ta' kull xorta;

6għamilt vaski bl-ilma biex minnhom insaqqi s-siġar tal-mixtla.

7Ksibt ilsiera rġiel u nisa, oħrajn twilduli d-dar; imrieħel ukoll kelli bil-kotra, iżjed minn dawk li saltnu qabli f'Ġerusalemm, għerfi wkoll baqa' miegħi.

8Geddist ukoll deheb u fidda u teżori ta' slaten u ta' provinċji. Hassilt għannejja rġiel u nisa, għadd kbir ta' kortiġjani u kulma jgħaxxaq qalb il-bniedem.

9Ilħaqt kobor u stagħnejt; u għaddejt lil dawk kollha li saltnu qabli f'Ġerusalemm, u għerfi wkoll baqa' miegħi.

10Kulma riedu għajnejja ma' ċħadthulhomx, mill-ebda pjaċir ma ħallejt nieqsa lil qalbi. Għax qalbi kienet titgħaxxaq b'kull taħbit, u dan hu l-ħlas għat-taħbit tiegħi kollu.

11U mbagħad dort nara l-opri li għamilt u kemm tħabatt biex għamilthom. U ara x'sibt: kollox frugħa u ġiri wara r-riħ, imma ebda qligħ ma hemm taħt ix-xemx.

12U dawwart ħsiebi fuq l-għerf ħa nqabblu mal-ġenn u l-bluha; għax x'se jagħmel dak li jiġi wara s-sultan? Dak li diġà għamel ta' qablu.

13U rajt dan: l-għaref għandu vantaġġ fuq l-iblah daqskemm għandu d-dawl fuq id-dlam.

14Għax, l-għaref għajnejh f'wiċċu, iżda l-iblah jimxi fid-dlam. Kollox sew! Imma jien naf ukoll li t-tnejn se tmisshom l-istess xorti.

15"Kos!," għedt f'qalbi, "ix-xorti tal-iblah se tkun ukoll xortija; x'jiswieli, mela, li sirt għaref?" Għalhekk ngħid f'qalbi li dan kollu frugħa,


© 2020 Malta Bible Society.

[16]għax la tal-għaref u lanqas tal-iblah, ma ssaddad it-tifkira; jgħaddu ftit jiem u
t-tnejn ikunu ntesew. Jaħasra għall-għaref kif imut bħall-iblah!

[17]Bdejt, għalhekk, nistmerr il-ħajja għax kollox kien idejjaqni minn dak li jsir taħt
ix-xemx. Kollox frugħa u ġiri wara r-riħ.

[18]Stmerrejt ukoll ix-xogħol kollu taħt ix-xemx li fih tħabatt u li jkolli nħallih għal
min jiġi warajja.

[19]U dan min jaf ikunx għaref inkella iblah? Ikun xi jkun hu jsir is-sid ta' xogħli
kollu, li fih ħlejt saħħti u għaqli taħt ix-xemx. Dan ukoll hu frugħa.

[20]Bdejt allura nitħassar it-taħbit kollu li ħadt taħt ix-xemx.

[21]Għax dan jiġri: wieħed, li jkun ħadem bl-għaqal u l-ħila u b'suċċess, ikollu
jgħaddi sehmu lil ħaddieħor li xejn ma tħabat għalih. Dan ukoll frugħa u ħaġa
mill-agħar.

[22]Għax x'se jmissu l-bniedem mit-taħbit u l-kedda li jkun ħa taħt ix-xemx?

[23]Għomru kollu jbati u jinħaqar bil-kedda u lanqas billejl ma jserraħ rasu. Dan
ukoll hu frugħa.

[24]M'hemmx aħjar għall-bniedem milli jiekol u jixrob u li jgawdi l-frott ta' xogħlu.
Imma fhimt li dan ukoll minn id Alla ġej,

[25]għax min jista' jiekol u jgawdi ħlief bis-saħħa tiegħu?

[26]U tabilħaqq, lil min hu sewwa quddiemu Alla jagħtih għerf, xjenza u hena,
imma lill-midneb jagħtih it-taħbit li jgeddes u jiġma' biex imbagħad jgħaddih lil
min jogħġob lil Alla.

## Koħèlet 3

### Kollox żmienu

[1]Kollox għandu żmienu, u kull ħaġa għandha waqtha taħt is-sema:

[2]Żmien li titwieled, u żmien li tmut; żmien li tħawwel, u żmien li taħsad l-
imħawwel;

[3]żmien li toqtol, u żmien li tfejjaq; żmien li ġġarraf, u żmien li tibni;

[4]żmien li tibki, u żmien li tidħak; żmien li tagħli, u żmien li tiżfen;

[5]żmien li tarmi l-ġebel, u żmien li tiġbru; żmien li tgħannaq, u żmien li tiċċaħħad
mit-tagħniq;

[6]żmien li tikseb, u żmien li titlef; żmien li terfa', u żmien li tarmi;

[7]żmien li tqatta', u żmien li ssewwi; żmien li tiskot, u żmien li titkellem;


© 2020 Malta Bible Society.

8żmien li tħobb, u żmien li tobgħod; żmien it-taqbid, u żmien il-paċi.

9Xi qligħ għandu l-bniedem mix-xogħol li jagħmel?

### Biex tkun ferħan

10Jiena rajt ix-xogħol li Alla ta lil ulied il-bniedem biex ikollhom fiex jedhew.

11Kollox għamel tajjeb f'waqtu; nissel ukoll sens tal-imgħoddi u l-ġejjieni f'moħħ il-bniedem, iżda bla ma dawn jirnexxilhom jikxfu x'jagħmel Alla mill-bidu sat-tmiem.

12Hekk fhimt li għall-bnedmin m'hemmx aħjar milli jkunu ferħana u jgawdu ġidhom f'ħajjithom.

13Għax li wieħed jiekol u jixrob u jduq mill-frott ta' xogħlu, dan ukoll hu don ta' Alla.

14Jien naf li kulma jagħmel Alla jibqa' għal dejjem; la jista' wieħed iżid miegħu u lanqas inaqqas minnu. Alla għamel hekk biex inissel fil-bniedem il-biża' tiegħu.

15Dak li hu issa, diġà kien; u dak li għad ikun diġà kien qabel, għax l-imgħoddi Alla jerġa' jġibu.

### Il-frugħa tal-ħajja

16Haġ'oħra lmaħt taħt ix-xemx: fejn għandu jkun hemm il-ħaqq hemm l-inġustizzja, fejn għandu jkun hemm is-sewwa hemm il-ħażen.

17U għedt f'qalbi: "Il-ġust u l-ħażin Alla jagħmel ħaqq minnhom, għax kull ħaġa għandha waqtha u kull għemil hemm ħaqq għalih."

18Għall-bnedmin għedt dan ġo fija: "Alla jrid iġarrabhom biex juri li huma nfushom bħall-bhejjem.

19Dak li jiġri lill-bniedem jiġri lill-bhima, għax it-tnejn tmiem wieħed għandhom; bħalma tmut il-bhima jmut ukoll il-bniedem, għax l-istess hu nifs il-ħajja li hemm fihom ilkoll. Xejn mhu aħjar il-bniedem mill-bhima, ladarba kollox hu frugħa.

20Lejn l-istess post imorru t-tnejn; ilkoll mit-trab saru, u lkoll lejn it-trab jerġgħu jmorru.

21U min jaf jekk nifs il-ħajja tal-bniedem jitlax 'il fuq, u nifs il-ħajja tal-bhima jinżilx 'l isfel lejn l-art?"

22Minn hawn nara li m'hemmx aħjar għall-bniedem milli jgawdi xogħol idejh, għax dan hu kulma jmissu. U min jista' jġibu jara dak li jsir warajh?

## Koħèlet 4

### Kemm għawġ fid-dinja


© 2020 Malta Bible Society.

1Imbagħad dort biex nara l-moħqrijiet kollha li jsiru taħt ix-xemx. Rajt il-maħqurin jibku bla ma għandhom min ifarraġhom; rajt il-qawwa li biha jaħqruhom u li ma hemmx min ifarraġhom.

2Għalhekk il-mejtin li diġà ħallewna qisthom hienja aktar mill-ħajjin li għadhom magħna;

3imma hieni aktar mit-tnejn min għadu ma twelidx u ma rax b'għajnejh l-għemejjel ħżiena li jsiru taħt ix-xemx.

4Rajt ukoll li t-taħbit kollu u l-ħerqa għax-xogħol mhumiex ħlief għira ta' wieħed għal ieħor. Dan ukoll frugħa u ġiri wara r-riħ.

5L-iblah jorbot idejh u jherri ġismu.

6Aħjar id waħda mimlija u fil-mistrieħ, milli tnejn imfawra u fit-taħbit, u l-ġiri wara r-riħ.

7Erġajt ħarist u rajt frugħa oħra taħt ix-xemx:

8wieħed waħdu, bla tfal u bla aħwa, u b'danakollu qatt ma jehda mit-taħbit u lanqas ma jixbgħu għajnejh bil-għana. U ma jiġihx li jistaqsi: "Għal min qiegħed nitħabat u niċċaħħad mill-ġid?" Mhuwiex ukoll frugħa dan, u xogħol bla fejda?

9Tnejn min-nies aħjar minn wieħed waħdu, għax fejda akbar ikollu xogħolhom.

10Jekk jaqa' wieħed, l-ieħor jista' jqajmu, imma miskin hu min hu waħdu, għax m'għandux min iqajmu.

11Jekk tnejn jorqdu flimkien jistgħu jissaħħnu; imma min hu waħdu kif jista' jisħon?

12Jekk xi ħadd jaħbat għal wieħed minnhom, it-tnejn flimkien jistgħu jrażżnuh; imma min hu waħdu ma jagħmel xejn ma' min iħebb għalih; għax ħabel bi tlieta mhux lakemm jinqata'.

13Aħjar żagħżugħ fqir u għaqli minn sultan xiħ u iblah, li ma jridx jilqa' parir,

14għax dak mill-ħabs jista' joħroġ u jilħaq sultan, għalkemm twieled fqir meta kien isaltan l-ieħor.

15Rajt il-ħajjin kollha li jgħixu hawn taħt ix-xemx iżommu maż-żagħżugħ li laħaq sultan floku;

16ma tgħoddhiex il-kotra li sar mexxej tagħha; imma ma jifirħux bih dawk li jiġu warajhom. Dan ukoll frugħa u ġiri wara r-riħ.

### Dmirijiet lejn Alla

17Qis il-pass li tagħmel inti u tersaq lejn id-dar ta' Alla. Li tersaq biex tisma' hi ħaġa aqwa mill-offerta tas-sagrifiċċju tal-boloħ, li anqas biss jafu x'qegħdin jagħmlu ħażin.


© 2020 Malta Bible Society.

# Koħèlet 5

1Tiftaħx fommok kif ġieb u laħaq, u tiddeċiedi xejn addoċċ quddiem Alla, għax Alla fis-sema qiegħed u inti fuq l-art; ħa jkun, mela, ftit il-kliem tiegħek.

2Għax, mill-ħafna tħassib jiġi l-ħolm ikrah, u mill-ħafna tpaċpiċ il-kliem bla għaqal.

3Jekk tagħmel xi wegħda 'l Alla ddumx ma ttemmha, għax Alla ma jiħux pjaċir bil-boloh. Dak li twiegħed qis li tagħmlu.

4Aħjar ma twiegħed xejn milli ma żżommx dak li twiegħed.

5Tħallix ilsienek iwaqqgħek fil-ħtija u mbagħad tmur quddiem il-qassis tgħidlu: "Dan kien nuqqas ta' ħsieb".

6Għaliex trid bi kliemek iġġiegħel 'l Alla jinkorla u jġib fix-xejn dak li għamlu idejk? Għax fejn joktor il-ħolm, joktor il-kliem fieragħ. Inti, mela, ibża' minn Alla.

7Jekk f'xi qasam tal-pajjiż tara l-fqir jinħaqar u d-dritt u l-ħaqq mirfusa, m'għandekx tistagħġeb b'dan, għax kull uffiċjal hemm wieħed ogħla għassa tiegħu, u fuqhom it-tnejn hemm ieħor ogħla minnhom.

8Dak li tagħti l-art hu għal kulħadd, imma huwa s-sultan li jinqeda l-ewwel mir-raba'.

### Il-frugħa tal-għana

9Min iħobb il-flus ma jixbax bil-flus, u min iħobb l-għana ma jixbax bil-qligħ. Dan ukoll hu frugħa.

10Jekk joktor il-ġid joktru wkoll dawk li jberbquh, u x'jibqagħlu s-sid ħlief li jarah biss b'għajnejh?

11Il-ħaddiem, jiekol ftit jew jiekol wisq, jiġih ħelu l-irqad, imma l-għani x-xaba' ma jħallihx jieħu nagħsa.

12Rajt gwaj ieħor taħt ix-xemx: il-ġid li sid jerfa' jisfagħlu ta' ħsara.

13Imur ħażin f'xi negozji u ġidu jintilef; imbagħad ikollu iben u dan ma jsib xejn f'idu.

14Għeri jkun ħareġ minn ġuf ommu, u għeri, kif ġie, jerġa' lura, bla ma jkun ġabar xejn x'jieħu miegħu mit-taħbit tiegħu.

15Jaqaw mhux ukoll gwaj ikrah li wieħed jerġa' jitlaq bħalma jkun ġie? X'jiswielu la jitħabat għar-riħ,

16la jiemu kollha fid-dlam jgħaddihom qalb ħafna għali, mard u inkwiet.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

17Ara, mela, x'sibt li hemm tajjeb u jaqbel għall-bniedem: li jiekol u jixrob u
jgawdi l-frott ta' kull taħbit li jġarrab taħt ix-xemx tul l-għomor li Alla jisilfu: għax
dan hu li jmissu.

18U kull min Alla tah ġid u għana u setgħa li jgawdihom, ħa jieħu sehem u jifraħ
b'xogħlu, għax dan ukoll hu don ta' Alla.

19Hekk ma joqgħodx jitħasseb wisq fuq għomru meta Alla jżommu medhi bil-
ferħ ta' qalbu.

## Koħèlet 6

1Hemm gwaj ieħor li rajt taħt ix-xemx u dan jifni ħafna lill-bniedem.

2Lil wieħed Alla tah għana, ġid u unuri, hekk li xejn ma jonqsu minn dak li tixtieq
qalbu; u mbagħad ma jħallihx igawdih hu, iżda ieħor barrani jgawdih. Dan ukoll
frugħa u gwaj tassew kiefer.

3Li kellu bniedem inissel mitt tifel u jgħix għal bosta snin u jtawwal għomru, jekk
qalbu ma timteliex b'dan il-ġid u ma jkollux qabar fejn jindifen, jien ngħid: "Aħjar
minnu frott il-ġuf li twieled mejjet;

4għax għalkemm ġie għal xejn u jmur fid-dlam fejn jibqa' mistur ismu,

5għalkemm ma rax ix-xemx, u lanqas jaf biha, dan għandu mistrieħ akbar mill-
ieħor.

6U li kellu l-għani jgħix elfejn sena u ma jkollux tgawdija minn ġidu, mhux fl-
istess post imur bħall-imwieled mejjet?"

7It-taħbit tal-bniedem hu kollu għal żaqqu, u b'danakollu qatt mhi xebgħana
qalbu.

8U x'għandu aħjar l-għaref mill-iblah, jew il-fqir li jaf imur tajjeb mal-ħajjin?

9Aħjar tara b'għajnejk milli ssiefer bil-ħsieb. Imma dan ukoll frugħa u ġiri wara
r-riħ.

10Kulma jeżisti diġà magħruf minn ismu; għalhekk nafu x'inhu l-bniedem. Ma
jistax dan iħaqqaqha ma' min hu aqwa minnu.

11Aktar ma jkun hemm kliem, akbar tkun il-frugħa; imbagħad x'se jieħu l-
bniedem minn dan kollu?

12Min jaf x'inhu tajjeb għall-bniedem f'ħajtu, tul il-ġranet magħduda tal-ħajja
fiergħa tiegħu li hu jqatta' bħal dell? Min jista' jurih lill-bniedem x'għad isir
warajh taħt ix-xemx?

## Koħèlet 7

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

## Tippretendix tkun taf aktar milli hu meħtieġ

[1]Aħjar fama tajba miż-żejt prezzjuż, aħjar jum il-mewt minn jum it-twelid.

[2]Aħjar tmur f'dar il-vistu milli f'dar fejn hemm festa; għax hemm il-ħaj iġib f'moħħu kif dak hu tmiem il-bniedem.

[3]Aħjar wiċċ imnikket milli daħkan, għax b'niket il-wiċċ titjieb il-qalb.

[4]Qalb l-għorrief tkun f'dar il-vistu, u qalb il-boloh f'dar il-ferħ.

[5]Aħjar tisma' ċ-ċanfir tal-għaref, milli tisma' l-għana tal-boloh:

[6]għax bħaċ-ċaqċiq tax-xewk jaqbad taħt il-borma, hekk id-daħka tal-iblah. Imma dan ukoll hu frugħa,

[7]għax il-moħqrija tħawwad moħħ l-għaref, u r-rigali jħassrulu qalbu.

[8]Aħjar ittemm ħaġa milli tibdieha, aħjar tistabar milli titkabbar.

[9]Tħallix il-korla tikbes malajr f'qalbek, għax f'qalb il-boloh tbejjet il-korla.

[10]Tistaqsix: "Kif inhi li ż-żminijiet ta' dari kienu aħjar minn tal-lum?" Mhix ta' għaref mistoqsija bħal din.

[11]Tajjeb l-għerf flimkien mal-ġid, u jiswa għal min jara dawl ix-xemx.

[12]Fih kenn l-għerf u fihom kenn il-flus; imma aħjar l-għerf għax iħarreġ għall-ħajja lil min għandu lilu.

[13]Ħares lejn għemil Alla: jista' xi ħadd jiddritta dak li Hu għamel mgħawweġ?

[14]F'jum ir-risq fittex gawdi u f'jum l-għawġ oqgħod aħseb: l-għawġ u r-riżq qassamhom Alla biex il-bniedem xejn ma jikxef dwar il-ġejjieni tiegħu.

[15]Minn kollox rajt matul il-ħajja fiergħa tiegħi: mill-ġust li jmut minkejja tjubitu sal-ħażin li jtawwal għomru minkejja ħżunitu.

[16]La għandek tkun ġust iżżejjed u lanqas għaref bil-bosta. Għalfejn toqgħod tinfena?

[17]Tkunx ħażin iżżejjed u tagħtihiex għall-bluha. Għala trid tmut qabel jasallek il-waqt?

[18]Tajjeb iżżomm din it-twissija bla ma titlaq lill-oħra, għax min jibża' minn Alla jmur tajjeb mat-tnejn.

[19]L-għerf jagħti qawwa lill-għaref aktar minn għaxra bis-setgħa fil-belt.

[20]B'danakollu ma ssibx bniedem ġust fid-dinja li jagħmel is-sewwa bla ma jaqa' f'xi ħtija.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

21Haġ'oħra: tagħtix widen għall-għajdut kollu tan-nies li ma tmurx tisma' l-qaddej tiegħek jidgħilek ħażin fuqek,

22għax qalbek stess tgħidlek li kemm-il darba int ukoll dgħajt lil ħaddieħor.

23Dan kollu ġarrabtu bl-għerf għax għedt: "Irrid nifhmu". Imma kemm għadni lura!

24Kulma jeżisti qiegħed fil-bogħod, u kulma hu fil-fond, hu fil-fond ħafna. Min jista' jilħqu?

25Imma rġajt qtajtha li nikseb tagħrif u ngħarblu sewwa ħa nsib l-għerf u r-raġuni għala l-ħażen hu nuqqas ta' għaqal u l-bluha ġenn.

26U nsib dan: li aktar morra mill-mewt hi l-mara; hi nassa minn fuq s'isfel, qalbha xibka u dirgħajha ktajjen. Min jogħġob 'l Alla jaħrab minnha, iżda l-midneb jibqa' maqbud minnha.

27"Ara x'sibt," jgħid Koħèlet "wara li flejt ħaġa b'ħaġa biex insib tarf il-problema

28u għadni nfittex u ma sibtux: raġel f'elf sibtu, iżda mara fost in-nisa ma sibtx waħda"

29Ara dan biss sibt: li Alla għamel il-bniedem dritt, iżda huma jfittxu tagħwiġ bla għadd.

## Koħèlet 8

### Il-bniedem għaref

1Min hu bħall-għaref li jaf iħoll problema? L-għerf idawwal wiċċ il-bniedem u jneħħilu ebusitu.

2Hares l-ordni tas-sultan ukoll minħabba l-ħalfa quddiem Alla.

3Tgħaġġilx titlaq minn quddiem is-sultan, u twebbisx rasek f'ħaġa ħażina.

4Għax il-kelma tas-sultan fuq kollox qiegħda, u min se jindaħallu f'dak li jagħmel?

5Min jobdi l-liġi f'ebda għawġ ma jsib ruħu. Jaf tajjeb moħħ l-għaref li hemm waqt u ħaqq:

6u tabilħaqq għal kull ħaġa hemm il-waqt u l-ħaqq, waqt li ħsarat kbar huma mdendla fuq il-bniedem.

7Għax hu ma jafx x'se jkun il-ġejjieni, u min jaf jgħidlu meta se jkun?

8L-ebda bniedem mhu sid ta' nifs ħajtu biex iżommu, u ħadd mhu sid il-jum ta' mewtu; mit-taqbida ħadd ma jeħlisha, lanqas il-ħażen ma jeħles lil min jagħmlu.

9Dan kollu rajt jien u naħseb fl-għemil kollu li jsir taħt ix-xemx meta bniedem jaħkem fuq ieħor u jagħmillu l-ħsara.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[10]Għaldaqstant jien rajt jindifnu l-ħżiena. Dawn kienu deħlin u ħerġin is-santwarju, u mfaħħrin fil-belt fejn kienu għamlu ħwejjeġ bħal dawn. Dan ukoll hu frugħa.

[11]Għax l-għemejjel tal-ħżiena ma jeħdux minnufih il-kundanna li jkun jistħoqqilhom; għalhekk qalb il-ħżiena titħajjar ħafna biex tagħmel id-deni;

[12]għax il-ħażin, imqar jidneb mitt darba, idum jgħix ħafna.

[13]Iżda naf fiż-żgur li jkollhom l-hena dawk li jibżgħu minn Alla talli jgħixu fil-biża' tiegħu; u li ma jkollux hena l-ħażin u lanqas itawwal bħal dell jiem ħajtu għax m'għandux il-biża' ta' Alla.

[14]Iżda fuq l-art tinsab frugħa oħra; hemm nies ġusti li jieħdu l-ħlas li jmiss l-għemejjel tal-ħżiena, u hemm nies ħżiena li jieħdu l-ħlas li jmiss l-għemejjel tal-ġusti. Jiena ngħid: "Dan ukoll hu frugħa."

[15]Għalhekk jien infaħħar it-tgawdija, għax il-bniedem m'għandux hena ieħor taħt ix-xemx ħlief li jiekol u jixrob, u jkun ferħan; ħa jkunu dawn sħabu fit-taħbit tiegħu tul l-għomor li Alla jagħtih taħt ix-xemx.

[16]Meta ntfajt biex nikseb l-għerf osservajt l-għemejjel li fihom jedha l-bniedem fuq l-art bla ma jistrieħ, la billejl u lanqas binhar.

[17]Rajt dwar l-għemil kollu ta' Alla kif il-bniedem ma jistax isib tarf ta' kulma jsir taħt ix-xemx; jitħabat kemm jitħabat biex ifittex, ma jasalx biex isibu; lanqas l-għaref, li jaħseb li jaf xi ħaġa, ma jista' jsib xejn.

## Koħèlet 9

### Kollox f'idejn Alla

[1]Jien dan kollu qistu u fhimtu tajjeb, li l-ġusti u l-għorrief bl-għemejjel tagħhom kollha huma f'idejn Alla; jekk hux imħabba jew mibegħda ma jafux x'ħaqqhom. It-tnejn huma quddiemhom!

[2]Għax xorti waħda hemm għal kulħadd, sew għat-tajjeb sew għall-ħażin, sew għas-safi sew għall-imniġġes, sew għal min joffri s-sagrifiċċju, sew għal min ma joffrix, sew għall-ġust sew għall-midneb, sew għal min jaħlef sew għal min jibża' mill-ħalf.

[3]U hawn hu l-gwaj f'kulma jiġri taħt ix-xemx, li xorti waħda hemm għal kulħadd; u biex tkompli tagħqad, qalb il-bniedem mimlija ħażen, u l-bluha tul għomorhom kollu tgħammar fihom, biex imbagħad imorru mal-mejtin.

[4]Min għadu msieħeb mal-ħajjin fadallu tama: għax "aħjar kelb ħaj minn iljun mejjet".

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

5Il-ħajjin, għallinqas, jafu li għad imutu, iżda l-mejtin ma jafu xejn; lanqas ħlas
ma baqa' għalihom għax imqar it-tifkira tagħhom intesiet.

6L-imħabba tagħhom, il-mibegħda u l-għira li kellhom, issa ntemmu u l-ebda
sehem ma jkollhom aktar f'dak kollu li jsir taħt ix-xemx.

7Isa, mela, kul bil-ferħ il-ħobża tiegħek, u ixrob għal qalbek l-inbid tiegħek, għax
Alla ġa laqagħhom l-għemejjel tiegħek.

8Ħa jkunu f'kull żmien bojod ilbiesek, qis li l-fwieħa fuq rasek ma tonqosx.

9Gawdi l-ħajja ma' martek l-għażiża, il-jiem kollha ta' ħajtek fiergħa, li Alla silfek
taħt ix-xemx, għax dan hu sehmek mill-ħajja u mit-taħbit li inti ġġarrab taħt ix-
xemx.

10Kulma ssib x'tagħmel, agħmlu b'ħiltek kollha għax ma jkunx hemm ħidma jew
ħsieb, xjenza jew għerf, f'Art l-Imwiet fejn inti sejjer.

11Rajt ukoll taħt ix-xemx li ma tintrebaħx mill-ħfief it-tiġrija, lanqas mill-felħana
t-taqbida. Mhuwiex tal-għorrief il-ħobż jew ta' min jifhem il-ġid; lanqas ta' min
jinqala' s-suċċess, iżda f'kollox jidħol iż-żmien u ċ-ċirkustanzi.

12Il-bniedem ma jafx xħin tasal sigħetu: bħall-ħut li jidħol f'xibka qarrieqa, bħat-
tajr li jinqabad fix-xbiek, hekk jinqabdu l-bnedmin minn siegħa ħażina xħin tiġi
fuqhom għal għarrieda.

13Rajt ukoll taħt ix-xemx dan il-każ li laqatni ħafna.

14Kien hemm belt żgħira bi ftit nies jgħammru fiha u sultan kbir mar jaħbat
għaliha. Dawwarha b'assedju u talla' madwarha torrijiet għolja.

15Mela jkun hemm fiha raġel fqir iżda għaref, u bil-ħila ta' moħħu rnexxielu
jeħles il-belt; b'danakollu ħadd ma baqa' jiftakru 'l dak il-fqir.

16Imbagħad jien għedt: "Tassew li l-għerf aħjar mis-saħħa; b'danakollu l-għerf
tal-fqir jistmerruh u għal kliemu ma jagħtux widen.

17Jinstama' aħjar kliem l-għorrief imlissen bil-kalma, mill-ħafna għajjat ta'
kmandant fost il-boloh.

18Aħjar l-għerf mill-armi tal-gwerra, iżda żball wieħed jista' jgħarraq ġid kbir.

## Koħèlet 10

### L-għerf u l-bluha

1Bħalma d-dubbien mejjet initten il-fwieħa fil-vażett, hekk il-fama kbira tal-
għaref tgħarraqha ftit tal-bluha.

2Qalb l-għaref issuqu lejn il-lemin, u qalb l-iblah lejn ix-xellug.


© 2020 Malta Bible Society.

3L-iblah ikun bla moħħ imqar xħin jimxi fit-triq; għal kull min jara jgħid: "Dak
iblah".

4Jekk jinkorla għalik il-kap tiegħek terħix postok, għax il-kalma twitti żbalji kbar.

5Rajt taħt ix-xemx dan l-għawġ, l-iżball li ġej minn min għandu s-setgħa:

6lill-boloh imlaħħqin fil-postijiet għolja; u n-nies li jinqalgħu qiegħda fil-baxx.

7Rajt ilsiera rekbin fuq iż-żwiemel, u nobbli jimxu fl-art bħall-ilsiera.

8Jekk tħaffer bir tista' taqa' fih, u jekk iġġarraf ħajt jista' jigdmek serp.

9Jekk tqanqal il-ġebel tista' titħaxxem bih, jekk tqatta' l-ħatab tindarab bil-laqx.

10Jekk tixxellef il-lexxuna u ma ssinnhiex, trid tisforza aktar biex taqta' biha;
jiswa, mela, li żżomm għaqlek jaħdem.

11Jekk is-serp jigdem qabel ma jkun imsaħħar, xejn ma jiswielu 'l min jaf isaħħru.

12L-għaref kliem fommu jiksiblu ġieħ, imma l-iblah ilsienu stess jeqirdu;

13il-bidu ta' kliemu bluha, u t-tmiem tiegħu ġenn mill-ikreh.

14Imma l-iblah xorta jibqa' jkattar kliemu. Il-bniedem ma jafx x'għad ikun, u xi
jsir wara mewtu min jista' jgħidlu?

15Jifnih lill-iblah it-taħbit tiegħu, għax lanqas sal-belt ma jaf imur.

16Jaħasra għalik, o art, li s-sultan tiegħek tifel, u l-kbarat tiegħek jisbħu jieklu.

17Ixxurtjat int, pajjiż, li s-sultan tiegħek bin in-nobbli, u l-kbarat tiegħek jieklu
f'waqtu, kemm jeħtieġu u bla tbahrid.

18Għal għażż l-għajnejn jisfronda s-saqaf; għal għażż l-idejn joqtor l-ilma fid-dar.

19Biex jgħadduha tajjeb iħejju l-mejda, u l-inbid iferraħhom, u l-flus jagħmlu
tajjeb għal kollox.

20Tisħetx lis-sultan lanqas ġo qalbek, u tidgħix lis-setgħan lanqas fis-satra ta' fejn
torqod, għax l-għasafar tal-ajru għandhom mnejn iġorru leħnek, u t-tjur iwasslu
kliemek.

## Koħèlet 11

### Agħmel it-tajjeb dment li tista'

1Ibgħat ħobżok fuq wiċċ il-baħar, għax wara żmien twil jerġagħlek lura.

2Qassmu f'sebat ishma, anzi fi tmienja, għax ma tafx xi ħsara tista' tiġi fuq l-art.

3Jekk is-sħab ikun mgħobbi jagħmel ix-xita; u jekk siġra taqa', lejn in-Nofsinhar
jew it-Tramuntana, hemm fejn taqa' tibqa'.


© 2020 Malta Bible Society.

4Min jgħarrex għar-riħ ma jiżra' qatt, u min jagħti kas tas-sħab ma jaħsadx.

5Bħalma ma tafx kif jidħol nifs il-ħajja fl-għadam f'ġuf ta' mara tqila, hekk ukoll
ma tafx l-għemil ta' Alla li għamel kollox.

6Iżra' filgħodu ż-żerriegħa tiegħek, u tagħtix mistrieħ lil idek filgħaxija, għax ma
tafx liema tinbet, hux din jew l-oħra, jew jagħtux it-tnejn frott tajjeb xorta waħda.

7Helu tassew id-dawl, u għażiża għall-għajnejn id-dehra tax-xemx.

8Iva, jekk il-bniedem jgħix bosta snin, ħa jgawdihom kollha, ħa jiftakar ukoll li
ħafna jkunu l-jiem mudlama; kulma jiġi mbagħad hu kollu frugħa.

9Thenna, o żagħżugħ, fir-rebbiegħa ta' ħajtek, u ħa tkun ferħana qalbek f'jiem
żgħożitek. Imxi wara t-taħbit ta' qalbek, u wara l-għaxqa ta' għajnejk. Iżda kun
af li ta' dan kollu jitolbok kont Alla fil-ħaqq tiegħu.

10Harrab ukoll minn moħħok it-tħassib, u żomm il-ħsara 'l bogħod minn ġismek;
għax it-tfulija u ż-żgħożija buffura riħ.

## Koħèlet 12

### Ix-xjuħija

1Ftakar f'min ħalqek f'jiem żgħożitek qabel ma jaslu jiem in-niket, u joqorbu s-
snin li tgħid għalihom: "Xejn ma jogħġbuni";

2qabel ma jiddallmu x-xemx u d-dawl, u l-qamar u l-kwiekeb, u s-sħab jerġa'
jidher wara x-xita;

3meta dawk li jgħassu d-dar jibdew jitriegħdu, meta l-qalbenin jitgħawġu, u
jieqfu dawk li jitħnu, għax jonqsu fl-għadd, u jiddallmu dawk li jħarsu 'l barra
mit-tieqa;

4meta l-bibien jingħalqu fuq it-triq, u l-ħoss tal-mitħna jonqos, u l-għana tal-
għasfur jintefa, u kull għana jieqaf;

5meta kull telgħa tbażżа', u t-triq issir tkexkix, meta s-siġra tal-lewż tarmi ż-
żahar, u l-ġrad jitqal fil-mixi; u l-kappara titlef gostha, għax il-bniedem imur id-
dar tiegħu ta' dejjem, u l-bekkejja jiġġerrew mat-toroq;

6qabel ma l-ħajta tal-fidda tinqata', u l-musbieħ tad-deheb jitfarrak; qabel ma l-
ġarra fuq l-għajn tinkiser, u t-tarjola fuq il-bir tinqasam;

7u t-trab jerġa' jmur fl-art mnejn ġie, u n-nifs tal-ħajja jitlaq lejn Alla, minn fejn
ġie.

8O frugħa tal-frugħat, jgħid Koħèlet, kollox frugħa.

### L-awtur ta' dan il-ktieb


© 2020 Malta Bible Society.

9Barra milli kien għaref, Koħèlet għallem l-għerf lill-poplu; b'ħafna ħsieb u tiftix
niseġ kotra ta' proverbji.

10Koħèlet fittex li jsib qwiel sbieħ u li jikteb bir-reqqa kliem is-sewwa.

11Kliem l-għorrief hu bħal xpruni, bħal puntali sodi l-ġabriet ta' qwielhom; ilkoll
mogħtija minn ragħaj wieħed.

12Aktar minn daqshekk, ibni, m'għandekx xi tridu; għax il-kotba joktru bla heda,
u l-istudju żejjed jgħajji l-ġisem.

13Hawn hu l-qofol tad-diskors wara li nstama' kollox: "Ħobb lil Alla u ħares il-
kmandamenti tiegħu, għax f'dan jinġabar il-bniedem kollu."

14Għax Alla jġib għall-ħaqq tiegħu l-għemejjel kollha, sal-inqas ħaġa moħbija,
sew tajba u sew ħażina.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

# L-għanja tal-Għanjiet

## L-għanja tal-Għanjiet 1

### Titlu u daħla

1L-Għanja tal-Għanjiet ta' Salamun.

### L-għarusa

2Ħa jiġi jbusni bil-bewsiet ta' fommu. Imħabbtek hija oħla mill-inbid;

3fwiħatek fihom għaxqa għar-riħa tagħhom, ismek żejt li jitferragħ, għalhekk iħobbuk, lilek, ix-xebbiet.

4Iġbidni wrajk, ejja niġru! Lili s-sultan daħħalni ġewwa, fil-kmamar tiegħu; ejjew nifirħu, ej' nithennew bik. Bil-ferħ infakkru mħabbtek wisq aktar mill-inbid. Iva, għandhom raġun iħobbuk!

### L-ewwel taqsima tal-Għanja
### L-għarusa

5Jien samra, imma sbejħa, bniet ta' Ġerusalemm, bħat-tined ta' Kedar, bħall-purtieri ta' Salma.

6Oh! La tqisux il-lewn samrani tiegħi: dak għax ħarqitni x-xemx. L-ulied ta' ommi xegħlu wisq għalija, ġew iqegħduni għassa fuq id-dwieli, lili, li d-dielja tiegħi, li hi tiegħi, għassa tagħha ma qgħadtx!

7Inti, li qalbi tħobbok, fittex għidli: fejn tmur biex tirgħa l-merħla, fejn, f'nofsinhar, teħodha biex tistrieħ? Biex ma negħjiex niġġerra wara l-merħliet ta' sħabek!

### Il-kor

8Jekk dan int ma tafux, l-isbaħ fost in-nisa, mur mnejn għaddiet il-merħla, u irgħa l-gidjien tiegħek ħdejn l-għerejjex tar-rgħajja.

### L-għarus

9Lid-debba tiegħi f'karru tal-Fargħun marbuta inxebbhek jiena, maħbuba tiegħi.

10Ħelwin huma ħaddejk bejn dawk l-imsielet, għonqok bil-ġiżirani.

11Ħnienaq tad-deheb nagħmlulek, u wkoll żibeġ tal-fidda.

### Djalogu bejn l-għarajjes

12Waqt li s-sultan fuq id-divan kien qiegħed, l-ispika tiegħi tat il-fwieħa tagħha.

13Il-maħbub tiegħi borża mirra għalija, bejn ħobbejja mqiegħda.

14Il-maħbuba tiegħi għanqud ward tal-ħenna fid-dwieli ta' Għajn-geddi.


© 2020 Malta Bible Society.

15Kemm int sabiħa, maħbuba tiegħi, kemm int sabiħa! Għajnejk qishom ħamiema.

16U int, kemm int sabiħ, maħbub tiegħi, int ħelu tabilħaqq! Tassew, sodditna l-ħdura.

17It-travi tad-dar tagħna huma taċ-ċedru, bis-saqaf taċ-ċipress.

## L-għanja tal-Għanjiet 2

1Jiena r-ranġisa ta' Saron, il-ġilju tal-widien.

2Bħal ġilju qalb ix-xewk, hekk hi l-maħbuba tiegħi fost ix-xebbiet.

3Tuffieħa qalb is-siġar tal-foresta hekk huwa l-maħbub tiegħi qalb iż-żgħażagħ. Kollni mixtieqa qgħadt bilqiegħda f'dellu, u ħelu hu l-frott tiegħu għal togħmti.

4Daħħalni fil-kantini tal-inbid, l-istendard tiegħu fuqi hi l-imħabba.

5Ejjew għinuni bil-ftajjar taż-żbib, aħjuni bit-tuffieħ, għax imradt bl-imħabba.

6- Bi driegħu tax-xellug iwieżen rasi, u bil-lemin jgħannaqni.

7Bniet ta' Ġerusalemm, nitlobkom b'ħerqa, f'ġieħ l-għażżiela jew iċ-ċriev tar-raba', la tqajmux, le, la tqajmux l-imħabba, qabel ma jogħġob lilha.

**It-tieni taqsima tal-Għanja**
**L-għarusa**

8Leħen il-maħbub tiegħi: arah, hu ġej, jaqbeż fuq il-muntanji, jitqâbeż fuq l-għoljiet.

9Il-maħbub tiegħi qisu xi għażżiela, jew ferħ iċ-ċriev. Hemm huwa, wieqaf, wara l-ħajt tagħna, iħares minn ġot-tieqa, u jgħarrex wara l-gradi tal-ħadid.

10Qabad jitkellem hu, il-maħbub tiegħi, u qiegħed jgħidli: "Maħbuba tiegħi, qum, ejja, sabiħa tiegħi!

11Għax, ara, għaddiet ix-xitwa, spiċċat ix-xita, marret.

12Fuq l-art ġa deher il-ward, iż-żmien tal-għana wasal, fuq artna nstama' leħen il-gamiem.

13Diġà beda mit-tin ħiereġ il-frott, in-nwar tad-dwieli jxerred riħa ħelwa. Maħbuba tiegħi, qum, ejja, ġmiel tiegħi!

14Hamiema tiegħi ġewwa x-xquq tal-blat, moħbija ġo xi rdum, urini wiċċek, semmagħli leħnek, għax leħnek ħlejju, u sbejjaħ wiċċek.

15Aqbdulna l-volpijiet, il-frieħ tal-volpijiet, dawk li jeqirdu d-dwieli, għaliex id-dwieli tagħna ħarġu n-nwar."

16Hu tiegħi l-maħbub tiegħi, jiena tiegħu, li jirgħa qalb il-ġilji.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

17Qabel ma taqa' s-sirda u d-dellijiet jaħarbu, dur 'l hawn ...! Maħbub tiegħi, kun ixbah lill-għażżiela, inkella 'l ferħ iċ-ċriev, fuq il-muntanji ta' Beter.

## L-għanja tal-Għanjiet 3

1Matul il-lejl fuq soddti jien fittixt lil dak li qalbi tħobb. Fittixtu; ma sibtux!

2"Ħa nqum, għalhekk, u mmur indur mal-belt, u fit-triqat u l-pjazez noqgħod infittex il-maħbub ta' qalbi." Fittixtu; ma sibtux!

3Iltaqgħu miegħi mbagħad in-nies tal-għassa, dawk li mal-belt iduru. Rajtuh xejn lill-maħbub ta' qalbi?

4Bilkemm ilħaqt għaddejthom li ma sibtx lill-maħbub ta' qalbi. Żammejtu, u le ma nitilqu, qabel ma nkun daħħaltu fid-dar t'ommi, fil-kamra wkoll ta' dik illi nisslitni.

### L-għarus

5Bniet ta' Ġerusalemm, nitlobkom b'ħerqa, f'ġieħ l-għażżiela jew iċ-ċriev tar-raba', la tqajmux, le, la tqajmux l-imħabba, qabel ma jogħġob lilha.

### It-tielet taqsima tal-Għanja

6X'inhuwa dan li tiela' mid-deżert, bħal sħaba ta' duħħan, mimli bir-riħa tfuħ ta' mirra u inċens, b'kull fwieħa tal-merkanti?

7Ara, il-lettiga, dik ta' Salamun! Sittin raġel qalbiena hemm madwarha, magħżula minn fost l-aqwa ta' Iżrael.

8Ilkoll kemm huma jħaddmuh sewwa s-sejf imħarrġin sew fil-gwerra. Kull wieħed minnhom għandu s-sejf fuq ġenbu, għall-biża' ta' xi ħasda tul il-lejl.

9Is-sultan Salamun għalih innifsu tron għamel mill-injam tal-Libanu.

10Tal-fidda għamilhom il-kolonni tiegħu, id-dahar u l-ġnub tad-deheb, is-siġġu ksieh bil-porpra, l-isfond intarsjat bl-ebbanu ġo fih.

11Ejjew, bniet ta' Ġerusalemm, ejjew, araw, bniet ta' Sijon, is-sultan Salamun, b'dik il-kuruna li xidditlu ommu nhar l-għerusija tiegħu, fil-jum tal-ferħ ta' qalbu.

## L-għanja tal-Għanjiet 4

### L-għarus

1Kemm int sabiħa, maħbuba tiegħi, kemm int sabiħa! Għajnejk qishom ħamiem minn wara l-istar tiegħek. Dak xagħrek merħla mogħoż imewġu mal-muntanji ta' Gilgħad.

2Dawk snienek qishom merħla nagħaġ imġiżża telgħin wara l-ħasil. Kull waħda minnhom hemm tewmija magħha, ma hemm mingħajrha ebda waħda minnhom.


© 2020 Malta Bible Society.

3Hajta ħamra dagħmiena huma xufftejk, id-diskors tiegħek ħelu. Haddejk biċċtejn rummien minn wara l-istar tiegħek.

4Għonqok, torri ta' David, li nbena ħalli fih jintrefgħu l-armi. Elf tarka hemm fih imdendla, tarkiet tal-qalbenin, ilkoll kemm huma.

5Jixbah lil żewġt ifrieħ taċ-ċerva sidrek, ulied tewmin t'għażżiela, li jirgħu qalb il-ġilji.

6Qabel ma taqa' s-sirda u d-dellijiet jaħarbu, lejn il-muntanja rrid immur tal-mirra, lejn tal-inċens l-għoljiet.

7Kollok sabiħa, maħbuba tiegħi, u tebgħa fik ma hemmx!

8Ejja minn fuq il-Libanu, għarusa tiegħi, ejja mil-Libanu għad-daħla tiegħek. Hares minn fuq il-qċaċet ta' Amana, minn fuq dawk ta' Senir u ta' Hermon, minn dawk l-għerien tal-ljuni, muntanji tal-ljupardi.

9Inti sraqtli lil qalbi, għarusa tiegħi, inti sraqtli lil qalbi, oħti, sa b'ħarsa waħda tiegħek, sa b'waħda biss mill-ġawhar ta' fuq għonqok!

10Imħabbtek kemm hi ħelwa, oħti, għarusa, kemm hi aħjar imħabbtek mill-inbid! Riħet fwiħatek oħla minn kull balzmu!

11Xufftejk, għarusa tiegħi, iqattru għasel safi, u taħt ilsienek għasel u ħalib. Riħet l-ilbiesi tiegħek bħal dik tal-Libanu.

12Ġnien magħluq tajjeb int, oħti, għarusa tiegħi, ġnien magħluq tajjeb, għajn issiġillata.

13Jinbet ġnien tar-rummien minn ilmijietek, flimkien mal-ogħla ħxejjex: il-ward tal-ħenna, u l-ispika,

14spika u żagħfran, qasab ifuħ, kannella, kull siġra tal-inċens, mirra, sabbara, u l-aqwa balzmi kollha.

15Int għajn tal-ġonna, int ġiebja tilma ġieri, nieżel mil-Libanu!

### L-għarusa

16Qum, Tramuntana, riħ isfel, ejja, onfoħ fuq il-ġnien tiegħi, ħalli s-siġar tal-balzmu tiegħu jqattru! Ha jiġi l-maħbub tiegħi fil-ġnien tiegħu u jiekol mill-frott tiegħu kollu benna!

## L-għanja tal-Għanjiet 5

### L-għarus

1Jien ġejt fil-ġnien tiegħi, oħti, għarusa tiegħi, niġbor il-mirra tiegħu, u l-balzmu wkoll, niekol ix-xehda tiegħi, u wkoll l-għasel, nixrob mill-inbid tiegħi, u l-ħalib tiegħi. Kulu, ħbieb tiegħi, għeżież, ixorbu u iskru!

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

### Ir-raba' taqsima tal-Għanja
### L-għarusa

2 Jiena rieqda, iva, iżda qalbi tishar. Leħen il-maħbub tiegħi! Qed iħabbat: "Oħti, ħabiba tiegħi, ejja iftaħli, ħamiema tiegħi, int bla nuqqas! Rasi mimlija nida, in-nokkli bin-nida ta' billejl."

3 Jien ġa neħħejt minn fuqi l-libsa tiegħi, kif nerġa' nxiddha? Jiena ġa ħsilt riġlejja, u kif nerġa' nħammiġhom?

4 Imbagħad il-maħbub tiegħi daħħal idu mir-rewwieħa tal-bieb; ħassejt tregħid ġo fija minħabba fih.

5 Qomt jiena stess niftaħ lill-maħbub tiegħi; u jdejja qattru l-mirra subgħajja l-mirra safja, fuq maqbad il-lukkett.

6 Lill-maħbub tiegħi jiena stess mort ftaħtlu iżda l-maħbub kien diġà dar u telaq! Ħassejtni ruħi ħierġa minħabba fih. Fittixtu, u ma sibtux, sejjaħtlu, u ma weġibx!

7 Iltaqgħu miegħi mbagħad in-nies tal-għassa, dawk li mal-belt iduru, u tawni s-swat, ġerrħuni, ħaduli sal-mantell l-għassiesa tas-swar.

8 Bniet ta' Ġerusalemm, nitlobkom b'ħerqa, jekk intom issibuh il-maħbub tiegħi, x'sejrin tgħidulu? Li mradt bl-imħabba.

### Il-kor

9 X'inhu aħjar mill-bqija l-maħbub tiegħek, l-isbaħ fost in-nisa? X'inhu aħjar mill-bqija l-maħbub tiegħek, biex inti qed titlobna hekk bil-ħerqa?

### L-għarusa

10 Il-maħbub tiegħi abjad u ħamrani, jagħrfuh fost għaxart elef;

11 rasu hi deheb mill-ifjen, bħall-palm in-nokkli tiegħu, u suwed daqs iċ-ċawl.

12 Għajnejh bħal ħamimiet maġenb nixxiegħa ilma, jinħaslu fil-ħalib, qegħdin ħdejn fawwara.

13 Haddejh ħmiemel tal-balzmu, mixtliet ta' ħxejjex ifuħu ħafna. Xufftejh qishom ġilji, iqattru mirra safja.

14 Idejh boċċi tad-deheb, b'ħaġar għani ta' Tarsis imwaħħal fihom. U ħdanu biċċa avorju miksi bis-saffiri.

15 Riġlejh bħal żewġ kolonni tar-rħam abjad, imqiegħda fuq sisien ta' deheb mill-ifjen. Is-sura tiegħu bħal tal-Libanu, maestuża bħaċ-ċedri.

16 Kliemu kollu ħlewwa; u kollox jgħaxxqek fih. Dan huwa l-maħbub tiegħi, dan ħabibi, bniet ta' Ġerusalemm.

## L-għanja tal-Għanjiet 6

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

**Il-Kor**

1Fejn mar il-maħbub tiegħek, l-isbaħ fost in-nisa? Fejn mar il-maħbub tiegħek, biex aħna nfittxuh miegħek?

**L-għarusa**

2Il-maħbub tiegħi niżel fil-ġnien tiegħu, ħdejn il-ħmiemel tal-balzmu, ħalli fil-ġonna jirgħa, u jaqta' l-ġilji.

3Jien tal-maħbub, u tiegħi l-maħbub tiegħi li jirgħa qalb il-ġilji.

**Il-ħames taqsima tal-Għanja**
**L-għarus**

4Int ħelwa, bħal Tirsa, maħbuba tiegħi, inti sabiħa, bħal Ġerusalemm.

5Dawwar għajnejk minn fuqi, għax isaħħruni. Dak xagħrek merħla mogħoż, imewġu mal-muntanja ta' Gilgħad.

6Dawk snienek merħla nagħaġ telgħin wara l-ħasil. Kull waħda minnhom hemm tewmija magħha, ma hemm mingħajrha ebda waħda minnhom.

7Haddejk biċċtejn rummien minn wara l-istar tiegħek.

8Irġejjen hemm sittin, tmenin hemm konkubini, xebbiet bla għadd.

9Imma waħda biss il-ħamiema tiegħi, waħda l-perfetta tiegħi. Hi l-waħdanija t'ommha, hi biss l-għażiża ta' dik li wilditha. Rawha x-xebbiet, qalulha li hi hienja, irġejjen, konkubini, ilkoll faħħruha:

10"Min hija dik li tielgħa bħaż-żerniq, sabiħa donnha l-qamar, tiddi bħax-xemx, tal-biża' bħall-eżerċtu lest għat-taqbida?"

11Fil-ġnien tal-ġewż inżilt, sabiex inħares lejn tal-wied il-ħdura, biex nara jekk id-dielja hix qed tarmi, jekk ir-rummien diġà ħariġx in-nwar.

12Jien stess ma nafx, imma refgħetni xewqti għal fuq il-karru flimkien mal-prinċep.

## L-għanja tal-Għanjiet 7

**Il-Kor**

1Erġ'ejja, erġ'ejja, Sulamija, erġ'ejja, erġ'ejja, ħalli nħarsu lejk!

**L-għarus**

Xi tridu tħarsu lejn is-Sulamija, bħal f'żifna ta' żewġ kori?

2Kemm huma sbieħ riġlejk fis-sandli tiegħek, bint ta' prinċep! Id-dawra ta' ġenbejk qisha ħannieqa, xogħol id wieħed tas-sengħa.


© 2020 Malta Bible Society.

3Żokortok tazza tonda, minn fejn l-inbid imħawwar qatt ma jonqos. Il-ħodon tiegħek qisu għamra qamħ, bil-ġilji mdawwar.

4Jixbah lil żewġt ifrieħ taċ-ċerva sidrek, ulied tewmin t'għażżiela,

5Dak għonqok qisu torri tal-avorju. Għajnejk donnhom l-għadajjar ta' Hesbon, f'bieb Bat-rabbim. Torri tal-Libanu nqisu mnieħrek, li qiegħed għassa jħares lejn Damasku.

6Rasek 'il fuq, xebbahtha lill-Karmel, xagħar rasek donnu porpra; sultan baqa' maqbud fin-nokkli.

7Kemm int sabiħa u kemm tassew int ħelwa, imħabba fost l-għaxqiet!

8Fis-sura għolja tiegħek qisek palma, sdierek l-għenieqed tagħha.

9U jien għedt: "Ha mmur nitla' mat-tamra, naqbad mal-friegħi tagħha. Ha jkunu sdierek bħal għenieqed l-għeneb, u riħet nifsek tkun bħal tat-tuffieħ;

10u t-togħma tiegħek bħall-aħjar inbid!"

**L-għarusa**

Hu jinżel sewwa lejn il-maħbub tiegħi filwaqt li jkun iċarċar fuq ix-xufftejn ta' dawn li jkunu rieqda.

11Jiena tal-maħbub tiegħi u xewqtu tiġbdu lejja.

12Maħbub tiegħi, ejja, nitilqu lejn l-għelieqi! Inqattgħu l-lejl fl-irħula;

13għada filgħodu nbakkru lejn id-dwieli, ħalli naraw ħariġx l-inwar tad-dielja, u jekk fetaħx iż-żahar; jekk ir-rummien huwiex qed jarmi l-ward. Imbagħad nagħtik imħabbti.

14Tfewweġ il-mandragora bil-fwieħa tagħha kull frott mill-aktar bnin għandna fi bwiebna, ġdid u qadim, maħbub tiegħi, jiena rfajtu għalik.

## L-għanja tal-Għanjiet 8

1Mhux li kont ħija, li rdajt minn sider ommi! Għaliex jekk barra kont niltaqa' miegħek, kont nista' nbusek bla ma jregħexni ħadd.

2U kont inġagħlek tidħol fid-dar t'ommi, int kont tħarriġni! U jiena nbid imħawwar kont nisqik, għasir ir-rummien tiegħi.

3- Bi driegħu tax-xellug iwieżen rasi, u bil-lemin jgħannaqni.

**L-għarus**

4Bniet ta' Ġerusalemm, nitlobkom b'ħerqa, la tqajmux le, la tqajmux l-imħabba, qabel ma jogħġob lilha.

**Għeluq: Ir-Rabta**
**Il-kor**

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

5Min hija din li tielgħa mid-deżert, tielgħa mistrieħa fuq il-maħbub tagħha?

### L-Għarus

Taħt it-tuffieħa jiena ġejt inqajmek, hemm fejn nisslitek ommok, hemm fejn batiet bil-ħlas dik li wilditek.

### L-Għarusa

6Qegħedni bħal siġill fuq qalbek, siġill fuq driegħek. Għaliex bħall-mewt qawwija l-imħabba; daqs Art l-Imwiet hi kiefra l-għira; ix-xrar tagħha xrar tan-nar, nar tal-Mulej.

7Ilmijiet kbar mhuma sa jaslu qatt biex jitfu l-imħabba, lanqas ix-xmajjar ma jġorruha magħhom. Il-bniedem li jrid jagħti l-ġid kollu ta' daru biex jixtri l-imħabba tmaqdir isib.

### Żjieda

8Oħtna żgħira, u ħobb ma għandhiex. X'se nagħmlulha lil oħtna dakinhar li jkun hemm min jistaqsi għaliha?

9Jekk inhi sur, nibnulha rampa tal-fidda; jekk inhi bieb, nagħmlulha injam taċ-ċedru.

10"Jiena sur, u sidri bħal torrijiet; ġa sirt f'għajnejh bħal waħda li sabet is-sliem."

### Id-dwieli ta' Salamun

11Salamun kellu għalqa tad-dwieli f'Bagħal-ħamon; din l-għalqa ħallieha f'idejn l-għassiesa, u kull wieħed kellu jagħtih il-frott tiegħu: elf biċċa tal-fidda.

12L-għalqa tiegħi tad-dwieli, li hi tiegħi, tinsab quddiemi: Salamun, l-elf biċċa għalik, u mitejn għal dawk li jgħassu l-frott tagħha.

### Il-kunsens

13Inti li tgħammar fil-ġonna, sħabi qegħdin b'widnejhom miftuħa għal leħnek: semmagħhuli!

14Aħrab, maħbub tiegħi, kun ixbah lill-għażżiela, inkella 'l ferħ iċ-ċriev, fuq il-muntanji kollhom riħa tfuħ.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

# Isaija

## Isaija 1

### L-Ewwel Parti: Kap 1 sa 39

1Il-viżjoni ta' Isaija bin Amos, li kellu dwar Ġuda u Ġerusalemm fi żmien Għużżija, Ġotam, Aħaż, Heżekija, slaten ta' Ġuda.

### Ġens midneb

2Isimgħu, smewwiet! Agħti widen, art! Għax tkellem il-Mulej: "Ulied rabbejt u kabbart, u huma qamu kontrija.

3Il-gendus jagħraf lil sidu, u l-ħmar il-maxtura ta' sidu; imma Iżrael ma jagħrafx, il-poplu tiegħi ma jifhimx."

4Jaħasra għalik, ġens midneb, poplu mgħobbi bil-ħażen, nisel il-ħżiena, ulied imħassrin! Telqu lill-Mulej; maqdru l-Qaddis ta' Iżrael, inġibdu lura minnu.

5Għaliex tridu tissawtu aktar? Għaliex tibqgħu tirvillaw? Ir-ras kollha marida, il-qalb kollha mifnija.

6Minn qiegħ ir-riġel sar-ras, xejn ma hemm sħiħ fih. Xejn ħlief drib, tbenġil u ġrieħi jnixxu. Ma naddfuhomx, anqas rabtuhom, lanqas dewwewhom biż-żejt.

7Artkom imħarbta, blietkom maħruqa bin-nar; ir-raba' tagħkom quddiemkom għad jikluh il-barranin; kollox ħerba bħal Sodoma fit-tiġrif.

8Waħedha baqgħet bint Sijon, bħal għarix f'qasam dwieli, bħal girna f'għalqa bħajra, bħal belt imdawra.

9Li kieku l-Mulej tal-eżerċti ma ħallilniex fdal żgħir, bħal Sodoma konna nkunu, lil Gomorra konna nixbhu.

### Sejħa għall-konverżjoni

10Isimgħu l-kelma tal-Mulej, intom prinċpijiet ta' Sodoma; agħtu widen għat-tagħlim ta' Alla tagħna, intom nies ta' Gomorra.

11X'tiswieli l-kotra tas-sagrifiċċji tagħkom?", jgħid il-Mulej. Xbajt mis-sagrifiċċji tal-ħruq tal-bdabad, u mix-xaħam tal-bhejjem smien. Id-demm tal-gniedes u l-ħrief, u tal-imtaten ma jogħġobnix.

12Meta tiġu taraw wiċċi min ifittex dawn mingħandkom, biex tiġu tikkalpestawli l-btieħi tiegħi?

13Iġġibux iżjed offerti fiergħa; sirt nistkerrhu l-bħur, il-qamar ġdid, is-sibt, u l-laqgħat li ssejħu: ma niflaħx għall-ħażen flimkien mal-festi.

14L-ewwel tax-xhur u l-festi tagħkom, jien nobgħodhom, piż huma għalija, għejejt nerfgħu.


© 2020 Malta Bible Society.

[15]Meta intom tiftħu idejkom, jien inwarrab għajnejja minnkom; ukoll jekk tkattru t-talb, jien ma nismagħkomx, għax idejkom mimlija demm.

[16]Inħaslu u tnaddfu, neħħu l-ħażen ta' għemilkom minn quddiem għajnejja, ieqfu mill-ħażen.

[17]Tgħallmu għamlu t-tajjeb, fittxu d-dritt, sewwu l-inġustizzji, iddefendu l-iltim, aqbżu għall-armla.

[18]Ejjew, mela, nirraġunaw flimkien, jgħid il-Mulej, imqar jekk dnubietkom ikunu ħomor bħall-iskarlatt, isiru bojod bħas-silġ; imqar jekk ikunu ħomor bħall-kremżi, isiru bojod bħas-suf.

[19]Jekk intom tridu u tobdu, intom tieklu l-ġid tal-art.

[20]Iżda jekk tgħidu le u twebbsu raskom, ix-xabla tikolkom, għax fomm il-Mulej tkellem."

**Il-ġudizzju u l-fidwa ta' Sijon**

[21]Kif saret żienja l-belt fidila! Kienet mimlija bil-ġustizzja, kien jgħammar fiha s-sewwa, imma issa l-qattiela.

[22]Il-fidda tiegħek inbidlet f'karfa, l-inbid tiegħek mifqugħ bl-ilma.

[23]Il-prinċpijiet tiegħek qamu fuq tagħhom, u ssieħbu mal-ħallelin. Ilkoll iħobbu r-rigali, u jagħmlu għal wara l-qligħ. L-iltim ma jagħmlulux ġustizzja, u l-kawża tal-armla għandhom ma tasalx.

[24]Għalhekk dan hu l-oraklu ta' Sidna, il-Mulej tal-eżerċti, il-Qawwi ta' Iżrael: "Ah! Nivvendika ruħi mill-għedewwa tiegħi; nitħallas mill-għedewwa tiegħi.

[25]Inmidd idejja għal fuqek, u nsaffik fil-forġa minn ħmieġek, u ċ-ċomb kollu nneħħilek.

[26]U rraġġa' l-imħallfin tiegħek għal li kienu dari, u l-kunsillieri tiegħek għal li kienu fil-bidu. Imbagħad isejħulek: 'Belt is-Sewwa, il-Belt Fidila'."

[27]Bil-ġustizzja Sijon għad tinfeda; u dawk li jikkonvertu jinfdew bis-sewwa.

[28]Imma l-midinbin u l-ħatjin flimkien jitkissru; u dawk li jitilqu l-Mulej jintemmu.

[29]Għax intom għad tistħu mill-ballut li ħabbejtu; u għad titriegħxu minħabba l-ġonna li għażiltu.

[30]Għad tkunu bħal balluta bil-weraq midbiel; bħal ġnien bla ilma fih.

[31]U l-bniedem b'saħħtu jsir stoppa, u għemilu xrar, u jieħdu n-nar flimkien, bla ma ħadd jitfihom.

## Isaija 2


© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

### Is-saltna tas-sliem

1 Il-kelma li ġiet f'dehra lil Isaija bin Amos, dwar Ġuda u Ġerusalemm.

2 Għad jiġri fl-aħħar jiem li l-għolja tad-dar tal-Mulej togħla 'l fuq mill-qċaċet tal-muntanji, u tintrefa 'l fuq mill-għoljiet, lejha għad jiġru l-ġnus kollha.

3 Kotra ta' popli għad jiġu u jgħidu: "Ħalli mmorru u nitilgħu fuq l-għolja tal-Mulej, lejn id-dar ta' Alla ta' Ġakobb, biex jgħallimna triqatu, u nimxu fil-mogħdijiet tiegħu. Għax minn Sijon joħroġ it-tagħlim, u l-kelma tal-Mulej minn Ġerusalemm."

4 Il-Mulej jagħmel il-ħaqq bejn il-ġnus, u jaqta' s-sentenza bejn ħafna popli; u huma jibdlu x-xwabel tagħhom f'sikek tal-moħriet, u l-lanez tagħhom fi mnieġel. Ebda ġens ma jerfa' x-xabla kontra ġens ieħor, u s-sengħa tal-gwerra ma jitgħallmuhiex iżjed.

5 Ejja, dar Ġakobb, ħalli nimxu fid-dawl tal-Mulej!

### Il-ġudizzju tal-imkabbrin

6 Iva! Int abbandunajt il-poplu tiegħek, id-dar ta' Ġakobb, għax imtlew bis-saħħara u bil-bassara bħall-Filistin, u ħadu b'idejn il-barranin.

7 U arthom imtliet bil-fidda u d-deheb, u t-teżori tagħhom bla qjies; pajjiżhom mimli biż-żwiemel, u l-karrijiet tagħhom bla qjies.

8 U mtliet arthom bl-idoli; iqimu xogħol idejhom, u kulma ħadmu subgħajhom.

9 U l-bniedem jiċċekken, u r-raġel jaqa' fix-xejn, għalhekk la taħfrilhomx!

10 Idħol fil-blat u nħeba fit-trab, minħabba t-twerwir tal-Mulej u d-dija tal-kobor tiegħu.

11 Titbaxxa l-ħarsa mkabbra tal-bniedem, u s-suppervja tal-bniedem tiġi fix-xejn, u dakinhar jitgħolla waħdu l-Mulej.

12 Għax għad ikun hemm jum għall-Mulej tal-eżerċti, għal kull min hu kburi u supperv, għal kull min hu merfugħ u mkabbar;

13 għaċ-ċedri kollha tal-Libanu, imkabbra u għolja, għall-ballut kollu ta' Basan;

14 għall-muntanji kollha għolja, għall-għoljiet kollha merfugħa;

15 għat-torrijiet kollha għolja; għal kull sur imsaħħaħ;

16 għal kull ġifen ta' Tarsis, għal kull xini kollu ġmiel.

17 Tiġġarraf il-kburija tal-bniedem, u titniżżel is-suppervja tal-bniedem; u dakinhar, jitgħolla waħdu l-Mulej,

18 U l-idoli jdubu għalkollox,

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

19u n-nies jidħlu fl-għerien tal-blat, u fil-ħofor tat-trab tal-art, minħabba t-
twerwir tal-Mulej, u d-dija tal-glorja tiegħu, meta jqum biex iriegħed l-art.

20Dakinhar il-bniedem jarmi xbihat allatu, tal-fidda u d-deheb li għamel biex
iqimhom; jixħethom għall-ġrieden u għall-friefet il-lejl;

21biex jidħol fl-għerien tal-blat u fi xquq l-irdum, minħabba t-twerwir tal-Mulej
u d-dija tal-glorja tiegħu, meta jqum biex iriegħed l-art.

22Ħallikom minnu l-bniedem, għax nifs biss għandu fi mnifsejh, ma jiswa xejn!

## Isaija 3

### Il-ġudizzju ta' Ġuda u Ġerusalemm

1Iva, araw, is-Sid, il-Mulej tal-eżerċti ineħħi minn Ġerusalemm u minn Ġuda kull
irfid u rifda: kull matmura ta' ħobż u kull ħażna ta' ilma;

2il-qalbieni u l-gwerrier, l-imħallef u l-profeta, il-bassâr u l-anzjan,

3il-fizzjal tal-ħamsin u n-nobbli, il-kunsillier u l-imgħallem tas-sħarijiet, u l-
imħarreġ fil-magħmul.

4U nagħtihom tfal bi prinċpijiethom; u t-trabi għad jaħkmuhom.

5Il-poplu jgħakkes wieħed lil ieħor, ħabib lil ieħor. Iż-żgħażagħ jiżżarġnu fuq ix-
xjuħ, il-bniedem ta' xejn fuq in-nobbli.

6U jaqbad wieħed lil ħuh f'dar missieru u jgħidlu: "Int għandek mantar, ejja u
aħkem fuqna, ħa tkun din il-ħerba taħt idejk."

7Imma dakinhar dan iwieġeb: "Jien m'iniex tabib, m'għandix f'dari u la ħobż u
lanqas mantar. La tagħmlunix ħakem tal-poplu!"

8Għax iġġarrfet Ġerusalemm u Ġuda waqgħet. Għax ilsienhom u għemilhom
kontra l-Mulej, biex jeħduha kontra l-glorja tiegħu.

9Il-ħarsa ta' wiċċhom tixhed kontrihom, dnubiethom bħal Sodoma jxandru bla
ma jaħbuhom. Ħażin għalihom, għax b'idejhom iġibu fuqhom stess il-ħsara.

10Hieni l-ġust għax tiġih tajba, għax għad jiekol frott għemilu.

11Gwaj għall-ħażin, għax tiġih ħażina, għax għemil idejh għad jilħquh.

12Il-poplu tiegħi, it-tfal għad jaħkmuhom, u n-nisa għad iżarġnu fuqhom. Poplu
tiegħi, ħżiena huma l-mexxejja tiegħek, iħarbtu t-triq tal-mogħdija tiegħek.

13Il-Mulej iqum biex jeħodha magħhom, u jagħmel ħaqq mill-poplu tiegħu.

14Il-Mulej ġej jagħmel il-ħaqq mill-anzjani u l-prinċpijiet tal-poplu tiegħu:
"Intom ħarbattu qasam id-dwieli, sraqtu l-fqir u mlejtu djarkom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

15Għaliex tgħakksu l-poplu tiegħi, u titħnu wiċċ il-fqir?" Oraklu ta' Sidi, il-Mulej
tal-eżerċti.

### Il-ġudizzju ta' bniet Sijon

16U jgħid il-Mulej: "Il-bniet ta' Sijon tkabbru, jimxu b'għonqhom imserdak, u
b'għajnejhom jegħmżu, jgħaddu jiżżegilgu, u jċekċku ċ-ċnieċel ta' riġlejhom.

17Għalhekk Sidi għad jiksi bil-qxur il-qorriegħa ta' bniet Sijon, u għerithom
jikxfilhom il-Mulej.

18Dakinhar Sidi jneżżagħhom mit-tlellix tal-ħoloq tal-għekiesi, mix-xmux u l-
oqmra,

19mill-imsielet u l-brazzuletti, mill-filoxx

20u l-faxex tar-ras, mill-ġawhar imsensel mar-riġlejn, mit-trieħi u l-kwies tal-
fwejjaħ, mill-amuleti

21u ċ-ċrieket, mill-ħoloq għall-imnieħer,

22mill-ilbies rikk u mill-imnatar, mix-xalel u mill-boroż,

23mill-mirja u x-xalpi tal-filoxx, mill-ilbies tal-għażel fin, mit-trabant u mill-
krâkar.

24U jkun hemm dakinhar minflok fwieħa, intejjen; minflok trieħi, ħbula; minflok
xagħar midfur, qriegħi; minflok ilbies rikk, tgeżwir bix-xkejjer; minflok ġmiel, it-
timbru tal-jasar.

25L-irġiel tiegħek jaqgħu taħt ix-xabla, u l-qalbiena fit-taqtigħa.

26U l-bwieb tagħha jibku u jixhru, u hi għerja, mitluqa mal-art.

## Isaija 4

1U dakinhar jaqbdu seba' nisa ma' raġel wieħed u jgħidulu: "Nieklu ħobżna u
nxiddu lbiesna, biżżejjed nissejħu b'ismek; neħħi l-għajb minn fuqna."

### Il-glorja ta' Ġerusalemm

2Dakinhar ir-rimja tal-Mulej tkun ġmiel u glorja, u l-frott tal-art ikun kburija u
żina tal-fdal ta' Iżrael.

3U jiġri li min jibqa' f'Sijon u min jitħalla f'Ġerusalemm, qaddis jissejjaħ, min hu
miktub għall-ħajja f'Ġerusalemm.

4Meta Sidi jkun naddaf il-ħmieġ tal-bniet ta' Sijon, u ħasel id-dmija ta'
Ġerusalemm minn ġo nofsha b'ruħ il-ġustizzja u b'riħ il-qerda,


© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

5joħloq il-Mulej fuq il-medda kollha tal-muntanja ta' Sijon, u fuq in-nies miġmugħa fiha sħaba binhar u duħħan, u dija ta' nar iħeġġeġ billejl, għax fuq kollox tinfirex il-glorja

6bħal għarix għad-dell mis-sħana binhar u kenn u lqugħ mill-irwiefen u x-xita.

# Isaija 5

### Il-parabbola tal-għalqa tad-dwieli

1Ha ngħanni lill-maħbub tiegħi l-għanja ta' mħabbtu għall-għalqa tad-dwieli tiegħu. Il-maħbub tiegħi kellu għalqa tad-dwieli fuq għolja għammiela.

2Għażaqha u naddafha miż-żrar, u ħawwel fiha dwieli mill-aħjar; bena torri f'nofsha, u wkoll ħaffer magħsar fiha. Stennieha tagħmel l-għeneb tajjeb, iżda kulma għamlet kien għeneb qares.

3U issa, intom li tgħammru f'Ġerusalemm, irġiel ta' Ġuda, agħmlu intom ħaqq bejni u bejn l-għalqa tad-dwieli tiegħi.

4X'kien fadalli nagħmel għall-għalqa tiegħi u ma għamiltux? Stennejtha tagħmel għeneb tajjeb, u kulma għamlet kien għeneb qares.

5U issa ħa nurikom x'sejjer nagħmel jien lill-għalqa tiegħi tad-dwieli. Inneħħilha l-ilqugħ ta' madwarha, u jħarbtuha; iġarrfilha l-ħajt, biex in-nies tgħaffiġha.

6Nagħmel minnha xagħra; ħadd ma jiżborha jew jaħdimha, u jinbet fiha x-xewk u l-ħurrieq. Jien ngħid lis-sħab biex ma jagħmilx xita fuqha!

7Għax l-għalqa tad-dwieli tal-Mulej tal-eżerċti hija d-dar ta' Iżrael; u l-irġiel ta' Ġuda huma l-mixtla tal-għalqa tiegħu. Huwa stenna l-ġustizzja, u araw sab it-tixrid tad-demm, stenna s-sewwa, u araw sama' l-għajjat tal-maħqura.

### Il-kastig tal-ħżiena

8Gwaj għal dawk li jżidu dar ma' dar, u jgħaqqdu għalqa ma' għalqa, sakemm ma jibqax aktar wisa' u tibqgħu tgħammru weħidkom f'nofs il-pajjiż!

9Jien smajt b'widnejja l-Mulej tal-eżerċti: "Naħlef li dawn il-ħafna djar isiru ħerba, djar kbar u sbieħ, u ħadd ma jgħammar fihom.

10Għax għaxar fiddien dwieli jagħtu bat wieħed; u ħomer żerriegħa jagħmlu efa."

11Gwaj għal dawk li jbakkru filgħodu, u jiġru għal wara s-sokor; jiddawru billejl sa ma jisħnu bl-inbid.

12Kitarra u arpa, tanbur u flawt, u nbid x'jixorbu fl-ikliet tagħhom, u xejn ma jaħsbu f'għemil il-Mulej, u għemil idejh ma jagħtux kasu.

13Għalhekk il-poplu tiegħi jitturufnawh, għax hu poplu bla moħħ. U l-kbarat tiegħu bil-ġuħ imutu, tinxef bil-għatx il-kotra tiegħu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[14]Għalhekk iwassa' x-Xeol griżmejh u jiftaħ ħalq daqsiex, u fih jinżlu n-nobbli u l-kotra, u l-għajjat u t-tbahrid tal-belt.

[15]Jiċċekken il-bniedem, jitgħakksu l-uħud, u jitniżżlu għajnejn l-imkabbrin.

[16]U l-Mulej tal-eżerċti jitkabbar f'jum il-ħaqq, u Alla l-Qaddis jitqaddes bil-ġustizzja.

[17]Imbagħad jirgħu l-ħrief bħallikieku f'mergħathom, u l-gidjien jixtarru qalb il-ħrieb.

[18]Gwaj għal dawk li jiġbdu l-ħażen lejhom bil-ħbula tal-barrin; u d-dnub bil-ħbula tal-karrijiet.

[19]Gwaj għal dawk li jgħidu: "Ħa jfittex jagħmel li għandu jagħmel ħalli narawh; ħa joqrob u jseħħ ħsieb il-Qaddis ta' Iżrael, ħalli nagħrfuh!"

[20]Gwaj għal dawk li jsejħu tajjeb il-ħażin, u ħażin it-tajjeb; u jibdlu d-dlam mad-dawl, li jibdlu l-morr mal-ħelu, u l-ħelu mal-morr.

[21]Gwaj għad dawk li huma għorrief f'għajnejhom, u mingħalihom għandhom id-dehen.

[22]Gwaj għal dawk qalbiena għal xorb l-inbid, u rġiel jinqalgħu għat-taħlit ta' xorb is-sokor.

[23]Gwaj għal dawk li jeħilsu l-ħati mit-tixħim; u mid-dritt tiegħu jċaħħdu l-bniedem sewwa.

[24]Għalhekk kif ilsien in-nar jikkonsma l-qasab, u bħalma l-ħaxix niexef in-nar jibilgħu, hekk għerqhom għad jitħassar, u n-nwar tagħhom bħat-trab jittajjar. Għax huma warrbu l-liġi tal-Mulej tal-eżerċti u stmerrew il-kelma tal-Qaddis ta' Iżrael.

[25]Għalhekk xegħlet il-korla tal-Mulej għall-poplu tiegħu u medd idu fuqu u darbu; u theżżu l-muntanji, il-katavri tagħhom sfaw bħaż-żibel f'nofs it-triq. B'danakollu ma waqfitx il-korla tiegħu, u mimduda għandha idu.

### L-invażjoni ta' Iżrael

[26]U għolla stendard lill-ġens mill-bogħod; u saffarlu minn truf l-art; arawh ġej ħafif ħafif.

[27]Ħadd minnhom mhu għajjien, ħadd ma jogħtor; ħadd ma jongħos, ħadd mhu rieqed. Ħżiem ġenbejhom mhux merħi, u lanqas maħlula l-qafla ta' qrieqhom.

[28]Misnuna l-vleġeġ tagħhom, u qwieshom kollha miġbuda; bħaż-żnied dwiefer iż-żwiemel tagħhom, bħal riefnu r-roti ta' karrijiethom;

[29]it-tgargir tagħhom bħal tal-iljun, bħal-frieħ l-iljun igargru jgħajtu u jaħtfu l-priża, jaħarbu biha u ħadd ma jeħodhielhom;


© 2020 Malta Bible Society.

[30]Jgħajtu għalih dakinhar, bħall-għajjat tal-baħar. U jħares lejn l-art, u ara, dalma
u diqa, u d-dawl imdallam bis-sħab iswed tagħha.

## Isaija 6

### Is-sejħa ta' Isaija

[1]Fis-sena li fiha miet is-sultan Għużżija, jien rajt lil Sidi bilqiegħda fuq tron għoli
merfugħ 'il fuq; djul il-libsa tiegħu kienu jimlew it-tempju.

[2]'Il fuq minnu kien hemm serafini, kull wieħed b'sitt ġwienaħ: bi tnejn kienu
jgħattu wiċċhom, bi tnejn kienu jgħattu riġlejhom, u bi tnejn jittajru.

[3]U kienu jgħajtu u jwieġbu lil xulxin: "Qaddis, qaddis, qaddis hu l-Mulej tal-
eżerċti. L-art kollha mimlija bil-glorja tiegħu."

[4]Bl-għajjat tagħhom is-sisien tal-għetiebi theżżu, u t-tempju mtela bid-duħħan.

[5]Imbagħad jiena għedt: "Jaħasra għalija! Mitluf jien! Bniedem b'xufftejh
imniġġsa jien! U f'nofs poplu b'xufftejh imniġġsa ngħammar; madankollu rajt
b'għajnejja lis-Sultan, Il-Mulej tal-eżerċti."

[6]Wieħed mis-serafini ttajjar lejja, b'ġamra nar f'idu, li hu kien qabad bi mqass
minn fuq l-artal,

[7]u messli fommi biha u qalli: "Ara, din messitlek xufftejk: ħżunitek għebet, u
dnubek inħafer."

[8]Imbagħad smajt leħen Sidi jgħid: "Lil min se nibgħat? Min se jmurilna?" U jien
weġibt: "Hawn jien: ibgħat lili!"

[9]U hu wieġeb: "Mur u għid lil dan il-poplu: Tisimgħu, iva, imma ma tifhmux,
taraw, iva, imma la tagħrfux.

[10]Semmen qalb dan il-poplu, soddlu widnejh, agħmilu għajnejh, li ma jmurx jara
b'għajnejh, u jisma' b'widnejh, u f'qalbu jifhem, u jdur u jfiq."

[11]U jien għedt: "Sakemm Sidi?" U hu wieġeb: "Sakemm jitħarbtu l-bliet, u ħadd
ma jgħammar fihom, u d-djar jibqgħu bla nies, u r-raba' jinbidel f'xagħri.

[12]U l-Mulej ibiegħed lin-nies u bosta jkunu l-imkejjen fil-pajjiż mitluqa.

[13]U tibqa' l-waħda fl-għaxra, imma wkoll din terġa' tilħaq il-ħerba. Bħalma l-
balluta u t-terebint meta jqaċċtuhom, minnhom jibqa' biss iz-zokk." Żerriegħa
qaddisa jkun iz-zokk tagħha.

## Isaija 7

### Il-messaġġ ta' Isaija lil Aħaż

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

1 Fi żmien Aħaż bin Ġotam, bin Għużżija, sultan ta' Ġuda, ġara li Resin, sultan ta' Aram, u Pekaħ bin Remalija, sultan ta' Iżrael, telgħu Ġerusalemm biex jaħbtu għaliha, imma ma felħux għaliha.

2 U wasslu l-aħbar f'dar David u qalulu: "Aram waqqaf il-kamp f'Efrajm." U qalbu u qalb il-poplu triegħdu bħalma jitriegħdu l-friegħi fil-masġar bir-riħ.

3 U l-Mulej qal lil Isaija: "Mur iltaqa' ma' Aħaż, int u ibnek Sijarjasub, f'tarf is-sieqja tal-ġiebja l-fuqanija, fuq triq l-għalqa tal-Hassiel.

4 U għidlu, "Qis li sserraħ rasek, la tibżax, la taqtax qalbek quddiem dawk iż-żewġt ifdal ta' ħatbiet idaħħnu, mill-qilla tar-rabja ta' Resin, ta' Aram u ta' bin Remalija.

5 Għax Aram, Efrajm u bin Remalija nasbu d-deni kontrik

6 u qalu: 'Ha nitilgħu għal Ġuda, naħtfuha f'idejna, u nġegħluha toqgħod għalina, u nqiegħdu sultan fuqha lil bin Tabal.'

7 "Dan jgħid Sidi l-Mulej: 'Dan ma jseħħx u ma jkun qatt.

8 Għax ras Aram Damasku, u ras Damasku Resin; ħamsa u sittin sena oħra u Efrajm isir bċejjeċ, ma jibqax poplu.

9 U ras Efrajm Samarija, u ras Samarija bin Remalija. Jekk ma temmnux, ma tibqgħux sħaħ.' "

### Il-profezija fuq Għimmanu-el

10 Il-Mulej issokta jkellem lil Aħaż u jgħidlu:

11 "Itlob sinjal għalik mingħand il-Mulej, Alla tiegħek, f'qiegħ l-art jew fl-għoli tas-smewwiet."

12 U Aħaż wieġeb: "Ma nitlobx: ma rridx nittanta lill-Mulej."

13 U l-profeta wieġeb: "Isimgħu, mela, dar David: mhux biżżejjed għalikom li tkiddu lill-bnedmin, biex issa se tkiddu lil Alla tiegħi?

14 Għalhekk is-sinjal jagħtihulkom Sidi stess: Araw, ix-xebba titqal u tiled iben, u ssemmih Għimmanu-el.

15 Baqta u għasel jiekol, meta jasal biex jagħraf iwarrab il-ħażin u jagħżel it-tajjeb.

16 Għaliex qabel ma t-tifel jagħraf iwarrab il-ħażin u jagħżel it-tajjeb, titħarbat l-art, li quddiem is-slaten tagħha inti mbażżа'.

17 U l-Mulej iġib fuqek, u fuq il-poplu tiegħek, u fuq dar missierek, jiem li qatt ma ġew mindu nfirdu Efrajm minn Ġuda: is-sultan tal-Assirja!"

18 U jiġri f'dak il-jum: isaffar il-Mulej lid-dubbiena, li hemm f'ras ix-xmajjar tal-Eġittu, u lin-naħla li hemm fl-art tal-Assirja.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

[19]U jiġu u jistrieħu lkoll fil-widien, fl-irdumijiet, fi xquq il-blat, fuq l-għollieq imxewwek u fuq kemm hemm wesgħat.

[20]Dakinhar iqaxxar Sidi b'mus mikri min-naħa l-oħra tax-xmara, bis-sultan tal-Assirja, il-qorriegħa tar-ras u x-xagħar tar-riġlejn, u jġiżż il-leħja wkoll.

[21]U jiġri dakinhar, li kull wieħed irabbi baqra u żewġ nagħġiet,

[22]u minħabba l-kotra tal-ħalib li jagħmlu jiekol il-baqta, għax baqta u għasel jiekol, kull min jifdal f'nofs l-art.

[23]U jiġri wkoll dakinhar li kull imkien li fih elf dielja jiswew elf xekel tal-fidda, hemm jitla' x-xewk u l-ħurrieq.

[24]Bil-vleġeġ u l-qaws jgħaddu minnha għax fl-art kollha jkun hemm xewk u ħurrieq.

[25]U l-muntanji kollha fejn kienu jagħżqu bl-imgħażqa, ma tgħaddix minħabba l-biża' tax-xewk u l-ħurrieq. Imma hemm jitilqu l-gniedes, u jirgħu n-nagħaġ.

## Isaija 8

### Isem bin il-profeta

[1]U l-Mulej qalli: "Ħu tavlozz kbir u ikteb fuqu b'ittri komuni: 'Lil Maħer-salal-ħas-baż'."

[2]U ħadt xhieda ta' fiduċja, il-qassis Urija u 'l Żakkarija bin Ġeberkija.

[3]Imbagħad jien ersaqt lejn il-profetissa, u tqalet, u wildet iben. U l-Mulej qalli: "Semmih: 'Maħer-salal-ħas-baż'.

[4]Għaliex qabel ma t-tifel jitgħallem jgħid: 'pa u ma' jittieħed il-ġid ta' Damasku u l-priża ta' Samarija quddiem is-sultan tal-Assirja."

[5]U l-Mulej issokta jkellimni u jgħidli:

[6]"Ladarba dan il-poplu stmell l-ilma ta' Silwam, li jgħaddi ħelu ħelu u nħall bil-biża' quddiem Resin u bin Remalija,

[7]għalhekk, araw, Sidi jtella' għal fuqhom l-ilma tax-xmara kotran u qawwi, is-Sultan tal-Assirja u l-qawwa tiegħu kollha, u togħla 'l fuq mis-swieqi kollha tagħha, u taqbeż xtutha kollha;

[8]u tixtered fuq art Ġuda, tgħarraq u tfawwar, sa ma tilħaq sal-għonq. Il-medda ta' ġwenħajh, tgħatti l-wisa' kollu ta' artek, Għimmanu-el!

[9]Kunu afu, ġnus, li għad titkissru; agħtu widen, intom ilkoll mill-ibgħad artijiet, tħażżmu, imma għad titkissru, tħażżmu, imma għad titkissru.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

10Fasslu pjan u jisfrattalkom, tkellmu bejnietkom, imma kliemkom ma jseħħx:
għax Alla magħna!

### Ibżgħu mill-Mulej

11Dan jgħidli l-Mulej, hu u jaqbadni b'id qawwija biex ma jħallinix nimxi fi triq
dan il-poplu:

12"Issejħulux ftehim dak li dan il-poplu jsejjaħlu ftehim. La tibżgħux mit-tbeżżigħ
tiegħu, u la titregħdux minnu.

13Il-Mulej tal-eżerċti, lilu għandkom tqaddsu, minnu għandkom tibżgħu, minnu
għandkom titriegħdu.

14U jkun għalikom maqdes, imma ġebla għat-tfixkil, u blata għall-waqgħa taż-
żewġt idjar ta' Iżrael; xbiek u mansab għal min jgħammar f'Ġerusalemm.

15Ħafna minnhom għad jogħtru, jaqgħu u jitfarrku, fix-xbiek jinqabdu u
jaħtfuhom."

16Jien naqfel din ix-xhieda u nissiġilla t-tagħlim fid-dixxipli tiegħi;

17nittama fil-Mulej, li ħeba wiċċu minn dar Ġakobb; u nafda fih.

18Arawni, jien u wliedi li tani l-Mulej, aħna sinjali u għeġubijiet f'Iżrael,
mingħand il-Mulej tal-eżerċti, li jgħammar fuq l-għolja ta' Sijon.

19In-nies jgħidulkom: "Staqsu l-ispirti u l-bassara, lis-sefsefin u l-gedwedin.
Forsi m'għandux il-poplu jistaqsi lill-allat tiegħu, u għall-ħajjin ma jistħarrġux
lill-mejtin?"

20Wieġbu: 'Għandna t-tagħlim u x-xhieda.' Min ma jgħidx kliem bħal dan, qisu
wieħed bla dawl is-sebħ.

21U jgħaddi mill-art magħkus u mġewwaħ; u meta jieħdu l-ġuħ jitmasħan u jisħet
lis-sultan u lill-allat tiegħu; jgħolli wiċċu 'l fuq,

22u jħares lejn l-art; imma ħlief diqa u dlam ma jarax, dlam u taħbit. Imma l-lejl
għad jgħib;

23adlam aktar ma jkunx hemm, fejn qabel kien hemm id-dwejjaq.

### Il-Prinċep tas-sliem

23bBħalma qabel fl-imgħoddi kien mela bl-għajb l-art ta' Żebulun u l-art ta'
Naftali, hekk issa fl-aħħar isebbaħ it-triq tal-baħar, 'l hemm mill-Ġordan, il-
Galilija tal-ġnus.

## Isaija 9

1Il-poplu li kien miexi fid-dlam ra dawl kbir; in-nies li joqogħdu f'art id-dlam
dawl idda fuqhom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

2Int kattart il-ġens, kabbart l-hena; huma ferħu quddiemek, bħalma jifirħu fi
żmien il-ħsad, bħalma jifirħu fi qsim il-priża.

3Għax il-madmad li kien itaqqlu, u l-ħatar ta' fuq spallejh, u l-bastun tal-argużin,
int kissirthom bħal f'jum Midjan.

4Għax kull qorq li jħabbat fit-taqtigħa, kull mantell mgħargħar fid-demm jispiċċa
għall-ħruq, biex jieklu n-nar.

5Għax tweldilna tifel, ingħatalna iben; is-setgħa tkun fuq spallejh, u jsemmuh:
"Kunsillier tal-għaġeb, Alla setgħan, Missier għal dejjem, Prinċep tas-sliem."

6Kbira tkun seteghtu, u s-sliem bla qjies fuq it-tron ta' David u s-saltna tiegħu.
Hu jwettaqha u jsaħħaħha bil-ħaqq u s-sewwa, minn issa u għal dejjem. Il-ħeġġa
tal-Mulej tal-eżerċti tagħmel dan.

### L-għadab ta' Alla kontra Iżrael

7Bagħat Sidi kelma kontra Ġakobb, u waqgħet fuq Iżrael.

8Il-poplu kollu jkun jaf, Efrajm u dawk li jgħammru f'Samarija, dawk li jgħidu
mkabbra u suppervi f'qalbhom:

9"Waqa' x-xaqquf, nibnu bil-ġebel minġur; tqaċċat il-ġummajż, inxettlu ċ-ċedru."

10U l-Mulej qajjem kontrih l-avversarji tiegħu, u xewwex l-għedewwa tiegħu:

11Lil Aram mil-Lvant, u l-Filistin mill-Punent, li belgħu lil Iżrael b'ħalq daqsiex.
B'danakollu l-kotra tiegħu ma reġgħetx lura, u idu għadha merfugħa.

12Il-poplu ma darx lejn min darbu, u l-Mulej tal-eżerċti ma fittxewhx.

13Għalhekk il-Mulej qata' minn Iżrael ir-ras u d-denb, il-palma u s-simar f'jum
wieħed;

14l-anzjan u n-nobbli huma r-ras, u l-profeta, mgħallem il-gideb, id-denb!

15Il-mexxejja ta' dan il-poplu mexxewh ħażin, u ntilfu l-immexxijin.

16Għalhekk Sidi ma jħennx għaż-żgħażagħ tagħhom; ma jitħassarx l-iltiema u r-
romol tagħhom. Għax ilkoll midgħajja u ħżiena; kull fomm jitkellem il-bluha.
Minkejja dan għadbu ma reġax lura, u idu għadha merfugħa.

17Għax il-ħażen bħal ħuġġieġa nar, jibla' x-xewk u l-ħurrieq, u jqabbad il-ħatab
tal-masġar, u jinbarmu 'l fuq f'kolonna duħħan.

18Bl-għadab tal-Mulej tal-eżerċti maħruqa l-art, u l-poplu bħal ikel in-nar, u ma
jaħmilx wieħed lil ieħor.

19Jaħtaf min-naħa tal-lemin, u jibqa' bil-ġuħ, jiekol min-naħa tax-xellug, u ma
jixbax, kull wieħed jiekol laħam għajru.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

20Manassi kontra Efrajm, Efrajm kontra Manassi, it-tnejn flimkien kontra Ġuda.
Minkejja dan għadbu ma reġax lura, u idu għadha merfugħa.

## Isaija 10

1Gwaj għal dawk li jagħmlu l-ħaqq ħażin, u għall-kittieba ħfief biex jiktbu d-
dnewwa;

2li jwarrbu mill-ġustizzja l-imsejknin, u jisirqu jedd il-fqar tal-poplu tiegħi;
jagħmlu priża mir-romol, u jaħtfu ġid l-iltiema.

3X'se tagħmlu f'jum il-kastig? Fil-ħerba li ġejja mill-bogħod? Lejn min sa dduru
għall-għajnuna? U ġidkom fejn se tħalluh?

4Ma jibqgħalkomx ħlief titrekknu qalb l-ilsiera, jew taqgħu fost il-mejtin.
Madankollu għadbu ma reġax lura u idu għadha merfugħa.

### L-Assirja l-ħatar f'idejn il-Mulej

5Gwaj għall-Assirja, il-ħatar ta' għadbi u l-għasluġ fil-qilla tiegħi.

6Għall-poplu midgħi jien nibagħtu, u kontra l-ġens tad-dagħdigħa tiegħi jien
nordnalu, li jħarbtu bla ħniena, jaħtaflu l-priża, u jgħaffeġ fuqu bħat-tajn tal-art.

7Imma hu ma jifhimhiex hekk, u f'qalbu ma jidhirlux hekk: għax f'qalbu għandu
li jħarbat, u jeqred ġnus fuq ġnus.

8Għax jgħid: "Jaqaw il-prinċpijiet tiegħi mhumiex kollha slaten?

9Mhijiex Kalnu bħal Karkemis? Mhijiex Hamat bħal Arfad? Mhijiex Samarija bħal
Damasku?

10Bħalma idejja laħqu dawn is-saltniet tal-allat, fejn kellhom idoli aktar minn
Ġerusalemm u Samarija;

11bħalma għamilt lil Samarija u lil allatha, ma nagħmilx lil Ġerusalemm u lil
allatha?"

12U meta Sidi jtemm li għandu jagħmel fuq l-għolja ta' Sijon u Ġerusalemm, hu
jikkastiga l-frott tal-kburija ta' qalb is-sultan tal-Assirja u l-ħarsa mżarġna tar-
refgħa ta' għajnejh.

13Għax hu qal: "Bis-saħħa ta' jdejja għamilt dan; u bl-għaqal tiegħi, għax moħħi
jilħaqli, neħħejt il-fruntieri tal-popli, u ħtaftilhom ġidhom, u bħall-ġorf niżżilt lis-
slaten.

14U idi, bħallikieku sabet bejta, ħatfet ġid il-popli. Bħalma jiġbru l-bajd mitluq,
jien ġbart l-art kollha, bla ma ħadd ħarrek ġwenħajh, jew fetaħ munqaru u
pespes."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

15Forsi qatt ftaħret il-mannara kontra min iqaċċat biha? Forsi l-munxar qatt qam
għal min jaħdem bih? Bħallikieku l-ħatar jista' jħarrek lil min jerfgħu, jew l-
għasluġ lil dak li mhux xi biċċa għuda?

16Għalhekk għad jibgħat is-Sid, il-Mulej tal-eżerċti, l-għelubija f'simnitu, u
f'ġewwenih iqabbadlu l-ħruq, il-ħruq tan-nar.

17U x-xrara ta' Iżrael issir nar, il-Qaddis ta' Iżrael nar iħeġġeġ, jaħraq u jikkonsma
f'jum wieħed il-ħurrieq u x-xewk.

18U l-ġmiel tal-masġar u tal-ġnien tiegħu itemmu għalkollox, bħal bniedem mifni
u mitluq.

19U jingħadd il-fdal tas-siġar tal-masġar tiegħu; biżżejjed tfajjel biex jgħoddhom.

### Il-fdal ta' Iżrael

20U jiġri dakinhar li l-fdal ta' Iżrael u l-bqija ta' dar Ġakobb ma jibqgħux iżjed
jistrieħu fuq min sawwathom, imma jitwieżnu bis-sewwa fuq il-Mulej, il-Qaddis
ta' Iżrael.

21Fdal jerġa' lura, il-fdal ta' Ġakobb, lejn Alla, il-Qawwi tagħhom.

22Għax, imqar jekk il-poplu tiegħek Iżrael, ikun bħar-ramel tal-baħar, fdal biss
minnu għad jerġa' lura: għax il-qerda tagħhom hi deċiża, deċiżjoni tfawwar bil-
ġustizzja.

23Iva, deċiża l-qerda li se jagħmel Sidi, il-Mulej tal-eżerċti, fl-art kollha.

24Għalhekk dan jgħid Sidi, il-Mulej tal-eżerċti: "La tibżax, poplu tiegħi, int li
tgħammar f'Sijon, mill-Assirja li sawtitek, refgħet fuqek il-bastun tagħha, bħalma
għamlulek fl-Eġittu.

25F'qasir żmien għad tibred is-saħna tiegħi, u l-korla tiegħi ddur għall-qerda
tagħhom.

26Imbagħad il-Mulej tal-eżerċti ixejjer sawt għal fuqu, bħalma darba ħabat għal
Midjan ħdejn il-blata ta' Għoreb; u l-bastun jerfa' għal fuq il-baħar, bħalma
refgħu għall-Eġittu.

27U jiġri dakinhar li titneħħa minn fuq spalltek it-tagħbija, u l-madmad tiegħu
jitkisser minn fuq għonqok.

### L-avanzata tal-Assirja

U l-qerried tala' minn Rimmon,

28wasal Għajjat, qasam minn Migron, f'Mikmas ħalla t-tagħmir tiegħu;

29qasmu l-mogħdija, f'Geba waqqfu l-kamp, Rama titriegħed, Gibgħa ta' Sawl
ħarbet.

30Għolli leħnek, Bat-gallim. Agħti widen, Lajsa; wieġeb, Għanatot.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

31Madmena maħruba, in-nies ta’ Gebim ifittxu l-kenn.

32Illum stess ikun f’Nob, u jxejjer idu lejn l-għolja ta’ bint Sijon, il-muntanja ta’
Ġerusalemm.

33Arawh is-Sid, il-Mulej tal-eżerċti, iqaċċat il-friegħi bil-mannara, jitqaċċtu l-
ogħla, u jiġġarrfu l-għoljin.

34Jaħsad il-qalba tal-masġar bil-ħadid, u jiġġarraf il-Libanu bi ġmielu.

## Isaija 11

### Is-saltna ta’ nisel Ġesse

1Għad toħroġ fergħa miz-zokk ta’ Ġesse, għad tinbet rimja minn għeruqu:

2fuqu jistrieħ l-ispirtu tal-Mulej, l-ispirtu tal-għerf u d-dehen, l-ispirtu tal-għaqal
u l-qawwa, l-ispirtu tal-għerf u l-biża’ tal-Mulej,

3u l-għaxqa tiegħu fil-biża’ tal-Mulej. Ma jiġġudikax skont ma jidher fl-għajnejn,
u ma jagħtix sentenza skont ma jisma’,

4iżda jiġġudika l-imsejknin skont il-ġustizzja, u jagħti sentenza skont is-sewwa
lill-fqajrin tal-art. Isawwat il-kiefra bix-xettru ta’ fommu, u b’nifs xufftejh joqtol
lill-ħażin.

5Il-ħżiem ta’ ġenbejh tkun il-ġustizzja, u l-fedeltà l-ħżiem ta’ qaddu.

6Il-lupu jibda jgħix mal-ħaruf, il-leopard mal-gidi, u jirgħu flimkien l-għoġol u
ferħ l-iljun, daqsxejn ta’ tfajjel isuqhom.

7Il-baqra u l-ors jirgħu flimkien, u l-frieħ tagħhom flimkien jistrieħu. L-iljun
bħall-gendus jiekol it-tiben.

8It-tarbija tal-ħalib titliegħeb fil-ħofra tas-serp; u t-tifel miftum idaħħal idu fil-
bejta tal-lifgħa.

9Ma jagħmlux aktar deni u anqas ħsara fuq il-muntanja qaddisa kollha tiegħi,
għax mimlija hi l-art bl-għarfien tal-Mulej bħalma l-baħar hu miksi bl-ilmijiet.

10Imbagħad jiġri f’dak il-jum li l-għerq ta’ Ġesse jieqaf bħala sinjal għall-popli.
Lilu jfittxu l-ġnus, u l-għamara tiegħu tkun imsebbħa.

11U jiġri f’dak il-jum, il-Mulej jerġa’ jmidd idu, biex jikseb fdal il-poplu tiegħu, li
jkun fadal, mill-Assirja u mill-Eġittu, minn Patros u minn Kus, minn Għelam u
minn Singħar, minn Hamat u mill-gżejjer tal-baħar.

12U jgħolli sinjal lill-ġnus, u jiġbor il-mormijin ta’ Iżrael, u jiġbor l-imxerrdin ta’
Ġuda mill-erbat itruf tal-art.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

13Tintemm l-għira ta' Efrajm, u jinqerdu l-għedewwa ta' Ġuda. Efrajm ma jgħirx
aktar għal Ġuda, u Ġuda ma jobgħodx lil Efrajm.

14Itiru għal fuq għoljiet il-Filistin lejn il-Punent, u flimkien jaħtfu lin-nies tal-
Lvant. Fuq Edom u Mowab imiddu idejhom, u jaħkmu lil ulied Għammon.

15U l-Mulej inixxef ilsien il-baħar tal-Eġittu, u jxejjer idu fuq ix-xmara bis-sħana
tar-riħ tiegħu; u jofroqha f'seba' widien, u jaqsmuha bil-qrieq.

16U jkun hemm mogħdija għal dawk li jifdal mill-poplu tiegħi, għal dawk li jifdal
fl-Assirja, bħalma kien hemm għal Iżrael, dakinhar li telgħu mill-art tal-Eġittu.

## Isaija 12

### Għanja ta' radd il-ħajr

1U inti tgħid dakinhar: "Irroddlok ħajr, Mulej, għaliex għadabt għalija; imma l-
korla tiegħek reġgħet lura, u farraġtni.

2Ara, Alla s-salvazzjoni tiegħi, jiena nittama u ma jkollix mniex nibża'. Għax
qawwieti u għanjieti hu l-Mulej, għalija sar is-salvazzjoni."

3Kollkom ferħana timlew l-ilma mill-għejun tas-salvazzjoni.

4F'dak il-jum għad tgħidu: "Roddu ħajr lill-Mulej, sejħu ismu, għarrfu lill-ġnus bl-
għemejjel tiegħu, xandru li ismu huwa fl-għoli.

5Għannu lill-Mulej għax għamel ħwejjeġ kbar; ħa jkun dan magħruf mal-art
kollha.

6Aqbeż bil-ferħ, għanni, int li tgħammar f'Sijon, għax kbir hu f'nofsok il-Qaddis
ta' Iżrael!"

## Isaija 13

### L-oraklu fuq Babilonja

1Oraklu fuq Babilonja. Viżjoni li kellu Isaija bin Amos:

2Fuq għolja xagħrija tellgħu stendard; għollu leħinkom lejhom, xejrulhom
idkom, ħalli jidħlu minn bwieb il-kbarat.

3Jien tajt l-ordni lill-qaddisin tiegħi, sejjaħt lill-gwerriera qalbiena tiegħi,
kollhom ħeġġa għall-glorja tiegħi, biex jagħmlu li jrid għadbi.

4Isimgħu l-għagħa fuq il-muntanji, għagħa ta' poplu sħiħ. Isimgħu t-tgeġwiġ ta'
saltniet u ġnus miġmugħa; il-Mulej tal-eżerċti għaddej minn nofs eżerċtu lest
għall-gwerra.


© 2020 Malta Bible Society.

5Ġejjin minn art imbiegħda, minn truf is-smewwiet, il-Mulej u t-tagħmir ta' għadbu, biex jagħmel ħerba mid-dinja kollha.

6Ixhru, għax qorob Jum il-Mulej, bħal qerda mingħand is-Setgħan.

7Għalhekk idejn kulħadd jintelqu, u qalb kull bniedem tinħall, u lkoll jitwerwru.

8Uġigħ u brim jaqbadhom, bħal mara fil-ħlas jitkagħwġu; miblugħin iħarsu lejn xulxin, wiċċhom wiċċ in-nar.

### Jum il-Mulej

9Araw, Jum il-Mulej għad jasal, kiefer, imgħaddab, ħuġġieġa nar bil-korla, biex jagħmel mill-art ħerba, u jeqred minnha l-midinbin.

10Il-kwiekeb tas-smewwiet u l-ġemgħat tagħhom ma jarmux aktar id-dija tad-dawl tagħhom. Hi u tielgħa, ix-xemx tiddallam, u l-qamar ma jroxx dawlu.

11Jien nitħallas mid-dinja għal ħżunitha, u mill-ħżiena għal ħtijiethom. Inġib fix-xejn il-kburija tas-suppervi, u n-nies vjolenti mmidd mal-art.

12Nagħmel in-nies aktar rari mid-deheb fin, u l-bnedmin jonqsu aktar mid-deheb ta' Ofir.

13Is-smewwiet jitqallbu ta' taħt fuq, u minn sisienha tithezżeż l-art, bis-saħna tal-Mulej tal-eżerċti, f'jum in-nar tal-korla tiegħu.

14Imbagħad bħal għażżiela jiġru warajha, bħal merħla m'hemm ħadd jiġborha, idur kull wieħed lejn il-poplu tiegħu, u kull bniedem lejn artu jaħrab.

15Kull min jinsab, jinfduh; kull min jinqabad, jgħadduh mix-xabla.

16Itertqulhom it-trabi quddiem għajnejhom; Jisirqulhom 'il djarhom u san-nisa jkasbrulhom.

17Arawni, jien inqajjem għalihom il-Medi, li l-fidda ma jaħsbux fiha, u anqas għad-deheb ma jagħmlu.

18Qwieshom itertqu ż-żgħażagħ, bla ħniena għal frott il-ġuf, bla ħasra għall-ulied.

### Il-Medi jkissru 'l Babilonja

19Issir Babilonja, il-ġawhra tal-imperi, iż-żina u l-foħrija tal-Kaldin, bħal Sodoma u Gomorra, meta ġġarrfu b'idejn Alla.

20Qatt aktar ma titgħammar, minn żmien għal żmien ħadd aktar ma joqgħod fiha. L-Għarbi ma jtellax l-għarix fiha, u r-rgħajja ma jserrħux l-imrieħel tagħhom.

21Imma hemm jistrieħu l-bhejjem tax-xagħri; fi djarhom tbejjet il-kokka, u jgħammru n-ngħam. Hemm jaqbżu l-mogħoż selvaġġi;

22tnewwaħ il-jena fil-kastelli tagħhom, u x-xakalli fi djarhom tal-pjaċir. Is-siegħa tagħha waslet, u jiemha iżjed ma jtulux.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

# Isaija 14

### Il-ħelsien ta' Iżrael

1Iva, il-Mulej iħenn għal Ġakobb, u jerġa' jagħżel lil Iżrael, u jġibhom jistrieħu
f'arthom. Magħhom jissieħbu u l-barranin jitwaħħdu ma' dar Ġakobb.

2Jiġbruhom il-popli u jeħduhom f'imkienhom. Tiksibhom dar Iżrael bħala lsiera,
irġiel u nisa, f'art il-Mulej; u jkunu lsiera dawk li kienu ijassruhom, u maħkuma
l-ħakkiema tagħhom.

3Dakinhar il-Mulej iserrħek mill-uġigħ, minn inkwietek, mill-jasar iebes li ġabuk
fih.

### L-umiljazzjoni tas-sultan ta' Babilonja

4U int tinfexx f'din l-għanja lis-sultan ta' Babilonja u tgħidlu: "Ah, kif intemm it-
tirann, kif intemmet kburitu!

5Kisser il-Mulej ħatar il-ħżiena, ix-xettru tal-ħakkiema;

6kien isawwat il-popli fis-saħna tiegħu, bi swat ma jaqta' qatt; kien jiżżarġan
f'qilltu fuq il-ġnus, b'tirannija bla lġiem.

7U issa li strieħet u ikkwitat l-art kollha, infexxew f'għajjat ta' ferħ.

8Imqar iċ-ċipress jifraħ minħabba fik, hekk ukoll iċ-ċedri tal-Libanu, u jgħidu:
'Mindu int tinsab mimdud, ħadd ma jitla' jqaċċat minna.'

9Art l-Imwiet minn taħt tqanqlet, biex tilqgħek mal-wasla tiegħek; tqajjem għalik
l-erwieħ, il-kbarat kollha tal-art; tqajjem mit-tronijiet tagħhom is-slaten kollha
tal-ġnus.

10Ilkoll jinfexxu jitkellmu u jgħidulek: 'Int ukoll ġejt fix-xejn bħalna, f'kollox sirt
tixbahna.

11Tniżżlet kburitek f'Art l-Imwiet, bid-daqq tal-arpi tiegħek, friexek taħtek it-
taħsir, u d-dud għatietek.

12Mis-smewwiet kif iġġarraft, int il-kewkba ta' filgħodu, bin iż-żerniq! Kif stabatt
mal-art, int li l-ġnus kont tfarrak!

13U int kont tgħid f'qalbek: 'Nitla' sas-smewwiet, 'il fuq mill-kwiekeb ta' Alla, it-
tron tiegħi ngħolli u ngħammar fuq il-muntanja ta' laqgħat l-allat, fi truf it-
Tramuntana.

14Nitla' sa fuq qċaċet is-sħab, insir nixbah lil Alla l-Għoli.

15Imma issa, arak, imġarraf f'art l-imwiet, f'qiegħ l-għammieq.


© 2020 Malta Bible Society.

16Jiskantaw, dawk li jarawk, jitħassbu fik: 'Hu dan il-bniedem li qalleb id-dinja
ta' taħt fuq, li riegħed is-saltniet,
17li għamel deżert mill-art, u blietha għamilhom trab, li lill-ilsiera ma ħallihomx
imorru d-dar?'
18Is-slaten kollha tal-ġnus, ilkoll mistrieħa bil-ġieħ, kull wieħed f'qabru.
19Imma int mormi 'l bogħod minn qabrek, bħal fergħa mistmerra mlibbes bħall-
maqtulin minfuda bis-sejf, li jinżlu sal-qiegħa tal-ħofra, bħal ġisem mirfus taħt
ir-riġlejn.
20Ma' dawk li tniżżlu f'ħoġor il-qabar, int qatt ma tkun midfun. Għax int ħarbatt
lil artek, u l-poplu tiegħek qtilt. Qatt iżjed ma jissemma nisel il-ħażin.
21Hejju għall-qatla ta' wliedu minħabba l-ħażen ta' missierhom, li ma jqumux u
jirtu l-art u jimlew bil-ħerba d-dinja.
22"Jien inqum għalihom, oraklu tal-Mulej tal-eżerċti, neqred lil Babilonja, isimha
u fdalha, nisilha u razzitha, oraklu tal-Mulej.
23Nagħmel minnha għamara għall-qanfud u mistagħdar ta' ilma qiegħed.
Niknisha bl-ixkupa tal-qerda," oraklu tal-Mulej tal-eżerċti.

### Il-qerda tal-Assirja

24Ħalef il-Mulej tal-eżerċti u qal: "Bħalma ħsibt jien hekk jiġri; bħalma jien
iddeċidejt, hekk isir.
25Lill-Assirja nkisser f'arti, u fuq il-muntanji tiegħi nisħaqha: u minn fuqhom
jitneħħa l-madmad tagħha, minn fuq spallejhom titneħħa tagħbijietha."
26Din hija d-deċiżjoni li ttieħdet għall-art kollha; u din hi l-id merfugħa fuq il-
ġnus kollha.
27Il-Mulej tal-eżerċti ddeċieda, u min se jfixklu? U idu merfugħa min se jniżżilha?

### L-oraklu fuq il-Filistja

28Fis-sena li miet is-sultan Aħaż tħabbar dan l-oraklu:
29"La tiftaħarx, Filistja, kollha, talli tkisser il-ħatar li kien isawtek. Minn għerq is-
serp toħroġ lifgħa, u frottu jkun serpent tan-nar itir.
30Jirgħu l-foqra fil-mergħat tiegħi, u l-imsejknin jistrieħu b'moħħhom kwiet;
imma noqtol bil-ġuħ lil għerqek, u fdalek neqred.
31Ixher, ja bieb! Għajjat, ja belt! Triegħed, Filistja, kollok kemm int! Għax daħna
riesqa mit-Tramuntana; armata bla diżerturi."
32Xi jwieġbu lill-messaġġiera tal-ġnus? "Il-Mulej waqqaf lil Sijon fis-sod, u fiha
jistkennu l-imsejknin tal-poplu tiegħu."


© 2020 Malta Bible Society.

# Isaija 15

### L-oraklu fuq Mowab

1L-oraklu kontra Mowab: "F'lejl wieħed tħarbtet, Għar-mowab inqerdet; f'lejl wieħed tħarbtet, Kir-mowab inqerdet.

2Telgħet bint Dibon, tibki fuq l-għoljiet għal Nebo u Medeba, jixher Mowab. Kull ras imqarwża, kull leħja mqaxxra!

3Fi triqtu lebsin l-ixkejjer, u fuq bjutu jnewħu, fil-pjazez tiegħu jixhru bid-dmugħ iġelben!

4U jwerżaq Hesbon u Elgħali, għajjathom jinstama' sa minn Ġaħas. Għalhekk ġenbejn Mowab jitriegħdu, u jitħawwad f'ruħu.

5Qalbi tgħajjat għal Mowab; il-maħrubin tiegħu jiġru lejn Sogħar, lejn Għeglat-selisija. Iva, it-telgħa ta' Luħit jitilgħuha jibku; iva, fi triq Horonajm, jgħajtu għajjat ta' qsim il-qalb.

6Għax l-ilmijiet ta' Nimrim saru ħerba, nixef il-ħaxix, għab l-inbiet, m'hemm ebda ħdura.

7Għalhekk kulma kisbu, u kulma ħażnu, għal Wied il-Luq ġarrewh.

8Għax it-twerżiq ġera madwar truf Mowab, sa Eglajm jidwi x-xhir tagħha, u l-għajjat sa Bir-elim.

9L-ilmijiet ta' Dimon mimlija demm, u għad nissokta nżid kontra Dimon, l-iljuni għall-maħrubin minn Mowab, u għal min jibqa' fil-pajjiż.

# Isaija 16

1Ibagħtu l-ħrief lil sid l-art, minn Sela, mix-xagħra, lejn l-għolja ta' Sijon!

2U jkunu bħal għasafar maħruba, bħal bejta mtajra, il-bniet ta' Mowab, huma u jaqsmu l-Arnon.

3"Agħtina parir, ħu deċiżjoni! agħmel dellek f'nofsinhar bħal-lejl, aħbi lill-mitlufin, tikxifx il-maħrubin!"

4Ha jgħammru miegħek il-maħrubin ta' Mowab, kun kenn għalihom minn quddiem il-qerried; għax kif jintemm it-tirann, u tgħib il-qerda, u jintemm il-qerried mill-art,

5jitwaqqaf fuq it-tjieba u s-sewwa t-tron, u joqgħod fuqu fis-sod, fit-tinda ta' David, imħallef li jfittex id-dritt, u ħafif biex jagħmel il-ġustizzja.

6Smajna bis-suppervja ta' Mowab, imkabbar għall-aħħar; smajna bi tkabbiru, bi ftaħiru, b'qilltu u bit-tpaċpiċ vojt tiegħu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

7Għalhekk jixher Mowab għal Mowab; jixhru lkoll għal Mowab, jitniehdu mnikkta għall-ftajjar taż-żbib ta' Kir-ħareset.

8Għax ir-raba' ta' Hesbon mejjet, id-dielja ta' Xibna sidien il-ġnus għaffġuha, u ż-
żraġen tagħha kienu jilħqu sa Ġagħżer, u jaslu sad-deżert; u l-friegħi tagħha kienu nfirxu u xterdu 'l hinn mill-baħar.

9Għalhekk jien nibki, bħalma tibki Ġagħżer, id-dielja ta' Xibna. Bi dmugħi nsaqqikom, 'il Ħesbon u 'l Elgħali. Għax fuq l-għelejjel u fuq il-ħsad tiegħek, waqgħet l-għajta tal-gwerra.

10Għabu l-ferħ u l-hena mill-ġonna, fl-oqsma tad-dwieli m'hemmx aktar għana,
u iżjed ma jgħajtux bil-ferħ. Fl-imgħasar ma jagħsarx l-għassar l-inbid; l-għajta siktet tal-għasir.

11Għalhekk ġewwenija bħal arpa jokorbu għal Mowab, u qalbi għal Kir-ħeres.

12U Mowab għad jidher u għad tinkedd fuq l-għoljiet, u jidħol jitlob fil-maqdes tagħha, ma jiswielu xejn.

13Dan hu kliem il-Mulej, li darba qal għal Mowab.

14Imma issa l-Mulej qal: "Fi tliet snin, magħdudin bħal tliet snin tal-ħaddiem mikri, il-glorja ta' Mowab bil-kotra kollha tiegħu jżebilħuha u ma jibqax minnu ħlief fdal żgħir ħafna u bla fejda."

## Isaija 17

### L-oraklu fuq Damasku u Efrajm

1Oraklu fuq Damasku: "Araw, Damasku ma tibqax aktar belt, imma ssir ħerba!

2Blietha għad jitilquhom għal dejjem, u jibqgħu għall-imrieħel, hemm jimteddu u ħadd ma jgerrixhom.

3Il-fortizza tispiċċa minn idejn Efrajm, u s-saltna minn Damasku. U jiġrilu fdal Aram kif se jiġri lil sebħ ulied Iżrael, oraklu tal-Mulej tal-eżerċti.

4U jiġri f'dak il-jum li s-sebħ ta' Ġakobb jidbiel, u s-simna ta' laħmu togħlob.

5Jiġrilu bħal meta l-ħassad jaqbad iż-żara' u driegħu jaħsad is-sbul; u jiġrilu bħal wieħed li jiġbor is-sbul fil-wied ta' Refajm.

6Jifdallu biss x'erba' żebbuġiet,

- bħal meta jfarfru ż-żebbuġa - tnejn jew tliet żibġiet f'ras il-fergħa, erbgħa jew ħamsa fi truf il-friegħi tas-siġra, oraklu tal-Mulej Alla ta' Iżrael.

7Dakinhar il-bniedem idur lejn min għamlu; idawwar għajnejh lejn il-Qaddis ta' Iżrael.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

8Ma jħarisx iżjed lejn l-artali li għamlu jdejh, ma jħarisx aktar fuq li għamlu
subgħajh: ix-xbihat tal-Asera u l-plieri tax-Xemx.

9Dakinhar blietek jiġrilhom bħalma ġralhom l-ibliet abbandunati mill-Ħiwwin u
l-Amurrin, meta dawn telquhom minħabba wlied Iżrael, u saru ħerba.

10Għax int insejt lil Alla, is-Salvatur tiegħek; ma ftakartx fil-Blata, il-Qawwa
tiegħek. Int tħawwel il-ġonna ta' Adon; tħawwel iż-żraġen għal alla barrani;

11iddawwarhom b'ħajt meta tħawwilhom; u l-għada filgħodu tnibbet iż-
żerriegħa tiegħek; imma l-frott jgħib f'jum il-mard u l-uġigħ bla fejqan.

### Il-qerda tal-għedewwa

12"Ah! It-tgargir ta' kotra ġnus, bħat-tgargir tal-baħar qawwi. It-tqanqil ta' ġnus
setgħana,

13bħat-tqanqil ta' ħalel kbar. Imma l-Mulej jheddidhom u jaħarbu 'l bogħod
misjuqa bħal tibna fuq l-għoljiet mir-riħ, u bħal tromba trab quddiem ir-riefnu.

14Filgħaxija kien hemm il-biża' tagħhom, sa minn qabel is-sebħ għabu lkoll. Din
hi x-xorti ta' dawk li jisirquna, dan hu s-sehem ta' dawk li jaħtfulna ġidna."

## Isaija 18

### L-oraklu fuq l-Etjopja

1"Gwaj għall-art tal-insetti jżanżnu, 'l hemm mix-xmajjar ta' Kus.

2Tibgħat messaġġiera bil-baħar, f'dgħajjes tal-bordi fuq wiċċ l-ilma! Morru,
messaġġiera ħfief, għand ġens ta' nies misluta b'ġilda mielsa, għand poplu
jbażża' fil-qrib u fil-bogħod, ġens qawwi u rebbieħ, artu jaqsmuha x-xmajjar.

3Intom ilkoll li tgħammru d-dinja, intom li tgħixu fl-art, malli jitla' s-sinjal fuq l-
għoljiet, ħarsu; isimgħu malli ddoqq it-tromba.

4Għax dan qalli l-Mulej: 'Jien inħares bi kwieti mill-għamara tiegħi, bħas-sħana
kalma tas-sirġa tax-xemx, bħal sħaba nida fis-sħana tal-ħsad.'

5Għax qabel il-ħsad, meta jintemm l-inwar, il-fjura ssir għanqud misjur,
imbagħad jinżabru l-friegħi bl-imqass, u ż-żraġen jitqaċċtu u jintremew.

6Jitħallew gozz għat-tajr tal-priża; u l-bhejjem tal-art. Fuqhom jgħaddu s-sajf it-
tajr tal-priża; u l-bhejjem kollha tal-art jgħaddu x-xitwa.

7F'dak iż-żmien iġib offerta lill-Mulej tal-eżerċti poplu ta' nies misluta b'ġilda
mielsa

- poplu jbażża' fil-qrib u fil-bogħod, ġens qawwi u rebbieħ, artu jaqsmuha x-
xmajjar - fil-post ta' isem il-Mulej tal-eżerċti, fuq l-għolja ta' Sijon."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

# Isaija 19

### L-oraklu fuq l-Eġittu

1Oraklu fuq l-Eġittu: "Arawh il-Mulej riekeb fuq sħaba ħafifa u dieħel l-Eġittu; jitriegħdu l-allat tal-Eġittu quddiemu, u qalb l-Eġittu tinħall ġo fih.

2U nkeskes l-Eġizzjani kontra l-Eġizzjani, jitqabdu wieħed kontra ħuh, u ieħor kontra sieħbu; belt kontra belt, u saltna kontra saltna.

3Toħroġ ruħ l-Eġittu minn ġo fih, u jien inħawwadlu ħsiebu; u jmorru jistħarrġu l-allat u s-saħħara, l-erwieħ u l-bassara.

4Jien nerħi l-Eġittu f'idejn sid kiefer, u sultan bla qalb għad jaħkem fuqu, oraklu ta' Sidi l-Mulej tal-eżerċti.

5U jinxtorob l-ilma tal-baħar, u x-xmara tinxef u tixxotta għalkollox;

6u s-swieqi jintnu u l-widien tal-Eġittu joforgħu u jinxfu; il-qasab u l-ħaxix jidbielu.

7Il-ġummar fi xtut in-Nil jintelaq, u l-miżirgħa kollha fuq xtut in-Nil tinxef, tittajjar, tgħib.

8Jokorbu s-sajjieda u jitniehdu; kull min jixħet fin-Nil is-sunnara, jew jifrex ix-xbiek fuq wiċċ l-ilma, isewwed qalbu.

9Jitħawdu l-ħaddiema tal-kittien, u l-maxxata u n-nissieġa jisfaru.

10L-għażżiela tal-qoton jintelqu, u l-ħaddiema mikrija b'diqa f'qalbhom.

11Tassew boloh il-prinċpijiet ta' Sogħan! L-aqwa għorrief tal-Fargħun parir iblah tawh. Kif tistgħu tgħidu lill-Fargħun: 'Bin l-għorrief jien, bin is-slaten tal-qedem'?

12Fejnhom issa l-għorrief tiegħek? Ħa jgħidulek u jgħarrfuk x'għandu f'moħħu għall-Eġittu il-Mulej tal-eżerċti.

13Bliehu l-prinċpijiet ta' Sogħan, tqarrqu l-prinċpijiet ta' Nof. Il-kapijiet tat-tribù tiegħu lill-Eġittu ħarġuh 'il barra mit-triq.

14Xeħet ġo nofshom il-Mulej spirtu ta' tagħwiġ, u ħawdu lill-Eġittu f'kulma għamel. F'kulma għamel ħarġu lill-Eġittu 'l barra mit-triq, bħalma jitlef triqtu l-bniedem fis-sakra hu u jitqalla'.

15Xejn ma jsir fl-Eġittu, la mir-ras u lanqas mid-denb, la mill-palma u lanqas mill-qasba.

16Dakinhar l-Eġittu jkun bħan-nisa, imriegħed u mwerwer, hu u jmidd idu għal fuqhom il-Mulej tal-eżerċti.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

17U art Ġuda tkun ta' biża' għall-Eġittu; kull meta xi ħadd isemmihielu jitwerwer
minħabba l-ħsieb li fassal għalih il-Mulej tal-eżerċti.

18Dakinhar ikun hemm ħamest ibliet fl-art tal-Eġittu jitkellmu lsien Kangħan u
jaħilfu b'isem il-Mulej tal-eżerċti; waħda minnhom tissejjaħ Belt ix-Xemx.

19Dakinhar ikun hemm artal għall-Mulej f'nofs l-art tal-Eġittu u plier f'ġieħ il-
Mulej f'tarf l-art.

20U jkun ta' sinjal u xhieda għall-Mulej tal-eżerċti fl-art tal-Eġittu. Meta jsejħu lill-
Mulej minħabba dawk li jaħqruhom, hu jibagħtilhom salvatur, li jaqbeż
għalihom u jeħlishom.

21U jgħarraf il-Mulej lilu nnifsu lill-Eġizzjani; u l-Eġizzjani jagħrfu dakinhar lill-
Mulej, iservuh bil-vittmi u l-offerti, u jagħmlu l-wegħdi lill-Mulej u jrodduhom.

22U l-Mulej isawwat lill-Eġittu, isawtu u jfejqu. Huma jerġgħu lura għal għand il-
Mulej, u hu jikkalma u jfejjaqhom.

23Dakinhar ikun hemm triq mill-Eġittu għall-Assirja, u l-Assirja tiġi l-Eġittu u l-
Eġittu jmur l-Assirja, u l-Eġizzjani jservu lill-Mulej flimkien mal-Assiri.

24Dakinhar Iżrael ikun it-tielet mal-Eġittu u l-Assirja, barka f'nofs l-art.

25Iberikhom il-Mulej tal-eżerċti u jgħid: "Imbierek l-Eġittu l-poplu tiegħi, l-
Assirja xogħol idejja, u Iżrael il-wirt tiegħi."

## Isaija 20

### Il-jasar tal-Eġittu u ta' Kus

1Fis-sena meta Tartan kien mibgħut minn Sargon, sultan tal-Assirja, u ħabat għal
Asdod u ħadha f'idejh,

2f'dak iż-żmien tkellem il-Mulej permezz ta' Isaija bin Amos u qallu: "Mur, ħoll
il-libsa tax-xkejjer minn ġenbejk u neħħi l-qorq minn riġlejk." U għamel hekk, u
kien jimxi għarwien u ħafi.

3U l-Mulej qal: 'Bħalma l-qaddej tiegħi Isaija kien jimxi għarwien u ħafi għal tliet
snin b'sinjal u theddida għall-Eġittu u għal Kus,

4hekk issa s-sultan tal-Assirja jkaxkar il-priġunieri mill-Eġittu u l-itturufnati
minn Kus, żgħażagħ u xjuħ għeriewen u ħafjin, b'warranihom mikxuf b'għajb
għall-Eġittu.

5U jitħawdu u jistħu minħabba Kus, it-tama tagħhom, u mill-Eġittu, il-ftaħir
tagħhom.


© 2020 Malta Bible Society.

6U dakinhar dawk li jgħammru f'din ix-xtajta jgħidu: "Araw, din kienet it-tama tagħna, għandhom morna maħruba għall-għajnuna biex neħilsu mis-sultan tal-Assirja! U issa aħna kif se nsalvaw?"

## Isaija 21

### L-oraklu fuq id-deżert tal-baħar

1Oraklu fuq id-deżert tal-baħar: Bħalma r-rwiefen jgħaddu maħruba min-Negeb, hekk hu ġej mid-deżert, minn art tal-biża'!

2Viżjoni kiefra kienet murija lili. Il-ħalliel jisraq; il-qerried jeqred! Itla' Għelam, assedja Medja! Hawn jien biex insikket il-krib.

3Għalhekk inħossni mkexkex f'ġenbejja; nitkagħweġ bħal mara fil-ħlas. Inħossni mħawwad wisq biex nisma', imbellah wisq biex nara!

4Moħħi storda, qabadni t-tkexkix, kont nixtieq li jaqa' l-lejl, u issa sirt nibża' minnu!

5Hejjew il-mejda, firxu l-ħasira, jieklu u jixorbu. Qumu, prinċpijiet, idilku t-tarki!

6Dan qalli l-Mulej: "Mur qiegħed għassies, ħa jħabbar dak li jara.

7U jekk jara rikkieb fuq karru b'żewġt iżwiemel; rikkieb fuq ħmar, rikkieb fuq ġemel, ħa jgħarrex sewwa, b'reqqa l-aktar kbira.'

8U mbagħad l-għassies jgħajjat: 'Fuq torri tal-għassa, sidi, jien qiegħed binhar dejjem, u wieqaf dejjem f'posti l-iljieli kollha.

9U ara, ġej wieħed riekeb, fuq karru b'żewġt iżwiemel; li beda jgħajjat u jgħid: 'Waqgħet waqgħet Babilonja, u magħha xbihat allatha mfarrka fl-art.'

10Poplu midrus tiegħi, bin l-andar tiegħi, dak li smajt mingħand il-Mulej tal-eżerċti, Alla ta' Iżrael, lilkom ħabbartu."

### Oraklu fuq Edom

11Oraklu fuq Edom: Sejjaħli xi ħadd minn Xegħir: "Għassies, fiex inhu l-lejl? Għassies, fiex inhu l-lejl?"

12U l-għassies wieġeb: "Għad jasal is-sebħ u l-lejl ukoll. Jekk tridu tistħarrġu, stħarrġu. Erġgħu ejjew?"

### Oraklu fuq l-Għarabja

13"Oraklu fuq l-Għarabja: Fil-masġar, fid-deżert għaddu l-lejl, intom karwani tad-Dedanin!

14Ilqgħu lill-għatxanin, ġibulhom l-ilma, intom li tgħammru f'art Tema, ilqgħu bil-ħobż il-maħrubin.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

15Għax minn quddiem ix-xabla ħarbu, minn quddiem xabla misluta, minn quddiem il-qaws miġbud, minn quddiem il-qilla tal-battalja.

16Għax dan qalli Sidi: "Fi żmien sena, kif jgħoddu s-snin ta' ħaddiem mikri, ikun għab is-sebħ kollu ta' Kedar.

17U ftit li xejn jifdal mill-arċieri qalbiena ta' Kedar.' Għax tkellem il-Mulej, Alla ta' Iżrael."

## Isaija 22

### Oraklu fuq Ġerusalemm

1Oraklu fuq Wied il-Viżjoni: "Xi ġralek issa biex tlajt kollok kemm int fuq il-bjut?

2Int li kont mimlija għajjat u għagħa, belt ferrieħa? Il-maqtulin tiegħek ma nqatlux bix-xabla, lanqas mietu fil-battalja.

3Il-kapijiet tiegħek ħarbu lkoll f'daqqa, ħarbu 'l bogħod. Il-qalbiena tiegħek inqabdu lkoll f'salt, bla mank ġibdu l-qaws inqabdu lsiera.

4Għalhekk għedt: 'Warrbu ħarstkom minni, ħa nibki bl-imrar li għandi; tfittxux li tfarrġuni għall-qerda ta' bint il-poplu tiegħi.'

5Għax jum ta' biża', qerda u taħwid għandu lest Sidi l-Mulej tal-eżerċti. F'Wied il-Viżjoni tiġrif ta' swar, u għajjat tiela' lejn l-għolja;

6u Għelam qabad il-barżakka, u Aram rikeb iż-żiemel, u Kir ħejja t-tarka.

7L-isbaħ fost widienek mimlija karrijiet, u rikkieba mqassma biswit il-bieb.

8U hekk l-ilqugħ ta' Ġuda tneħħa. Dakinhar mortu taraw it-tagħmir tal-gwerra f'Dar il-Foresta,

9u rajtu kemm kotor it-tiċrit fil-belt ta David; ġbartu l-ilma tal-ġiebja t'isfel;

10għaddejtu d-djar ta' Ġerusalemm, u ħattejtu d-djar biex issaħħu l-ħitan.

11U għamiltu ħawt bejn iż-żewġt iswar għall-ilma tal-ġiebja l-qadima. Imma ma fittixtux lil min għamilhom, u ma tajtux kas ta' min sawwarhom sa mill-qedem.

12U sejħilkom dakinhar is-Sid, il-Mulej tal-eżerċti; sejħilkom għall-biki u għat-tinwiħ, għat-tqarwiż tar-ras u l-ilbies tax-xkejjer.

13Imma, araw, intom tajtuha għall-għors u t-tbahrid, qtiltu l-baqar u biċċirtu n-nagħaġ, u kiltu l-laħam u xrobtu l-inbid: 'Nieklu u nixorbu, għax għada mmutu.'

14Il-Mulej tal-qtajja' għarrafni f'widinti: 'Le, ma jinħafrilkomx dan il-ħażen sa ma tmutu.' Hekk tkellem Sidi, il-Mulej tal-eżerċti.

15Dan jgħid Sidi, il-Mulej tal-eżerċti: 'Mur, asal wasla sa għand dan il-ministru, sa għand Sebna, li jagħmel mill-palazz, u għidlu:

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

16“X’għandek hawn, u ’l min għandek hawn, biex qiegħed tibni qabar għalik, bħal
min iħaffer għalih qabar fl-għoli u jaqta’ għamara għalih fil-blat?

17Ara l-Mulej sa jwaddbek mal-art, ja bniedem setgħan! U jaqbdek qabda sewwa.

18U jagħmlek kobba u jwaddbek ’il bogħod, bħal ballun f’medda kbira ta’ art.
Hemm issib mewtek bil-karrijiet tal-glorja tiegħek, ja għajb ta’ dar sidek!

19Inwarrbek minn postok, u nneħħik minn fejn qiegħed.

20Dakinhar insejjaħ lill-qaddej tiegħi Eljakim bin Hilkija,

21inlibbsu l-libsa tiegħek, u nħażżmu bit-terħa tiegħek, u nagħtih f’idejh il-ħakma
tiegħek. U jkun missier għal min jgħammar f’Ġerusalemm, u għad-dar ta’ Ġuda.

22Inqiegħed muftieħ dar David fuq spallejh. Jiftaħ hu, u ħadd ma jagħlaq; jagħlaq
hu, u ħadd ma jiftaħ.

23U nwaħħlu bħal musmar ma’ ħajt fis-sod, u jkun tron glorjuż għal dar missieru.

24U jdendlu miegħu l-glorja kollha ta’ dar missieru, il-friegħi u r-rimi, it-tagħmir
ċkejken, mill-bwieqi sal-ġarar.

25Dakinhar, oraklu tal-Mulej tal-eżerċti, iċedi l-musmar li kien imwaħħal fis-sod,
u titkisser, taqa’ u titfarrak it-tagħbija mdendla miegħu, għax il-Mulej tkellem!’ ”

## Isaija 23

### L-oraklu fuq il-Feniċi

1Oraklu fuq Tir: “Ixhru, ġfien ta’ Tarsis, għax il-port tagħkom qerduh! M’hemmx
dħul! Minn art il-Kittin waslet l-aħbar!

2Tbikkmu, intom li tgħammru x-xatt, merkanti ta’ Sidon!

3L-aġenti tiegħek kienu jaqsmu l-ibħra kbar. Ġidha kien il-qamħ ta’ Siħor u l-
ħsad tan-Nil, u hi kienet is-suq tal-ġnus.

4Għajb għalik, Sidon, il-fortizza tal-baħar, għax il-baħar jgħid: ‘Jien ma kellix
uġigħ il-ħlas, u lanqas ma wlidt. Jien żgħażagħ ma rabbejtx, lanqas xbejbiet ma
rawwimt.’

5Meta tasal l-aħbar l-Eġittu, dawn iħossu l-uġigħ għal li ġralha Tir.

6Għaddu għal Tarsis, ixhru intom li tgħammru fix-xtut!

7Hi din il-belt ferrieħa tagħkom, mnissla minn żmien il-qedem, li riġlejha kienu
jeħduha tgħammar fil-bogħod?

8Min iddeċieda dan għal Tir, il-belt inkurunata, li l-merkanti tagħha kienu
prinċpijiet, u n-neguzjanti tagħha stmati mad-dinja kollha?

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

9Il-Mulej tal-eżerċti ddeċieda dan, biex iwaqqa' fl-għajb kull ġmiel, u jniżżel in-
nies stmati mad-dinja kollha.

10Aħdem artek, bint Tarsis, għax il-port m'għadux hemm.

11Il-Mulej medd idu fuq il-baħar, u riegħed is-saltniet. Il-Mulej ordna lil Kangħan,
li tħott il-fortizzi tagħha.

12U qal: 'La tifraħx iżjed, xbejba mkasbra, bint Sidon! Qum, mur imqar għand il-
Kittin, lanqas hemm ma ssib mistrieħ.'

13Ara, art il-Kaldin. Dan il-poplu ma kienx hemm, l-Assirja rħietu għall-bhejjem
selvaġġi. Dawret it-torrijiet tagħha madwaru, ġarrfet il-palazzi tiegħu, għamlet
ħerba minnu.

14Ixhru ġfien ta' Tarsis, għax il-fortizza tagħkom saret ħerba.

15Għad jiġri li Tir tintesa għal sebgħin sena, daqs żmien sultan wieħed, u fi tmiem
is-sebgħin sena Tir tkun bħall-għanja tal-prostituta:

16'Aqbad l-arpa, dur mal-belt, ja mara żienja, insewk! Doqq bis-sengħa, kattar l-
għana; għandhom mnejn jiftakru fik.'

17Malli jgħaddu s-sebgħin sena l-Mulej iżur lil Tir, u terġa' tinkera bħal qabel u
tiżni mas-saltniet kollha fuq wiċċ l-art.

18U l-qligħ u l-ħlas tal-kiri tagħha jkunu ddedikati lill-Mulej; ma jerfgħuhomx u
lanqas jaħżnuhom, għax il-ħlas tagħha jmur għal dawk li jgħammru quddiem il-
Mulej, biex jieklu bix-xaba' u jilbsu lbies mill-isbaħ."

## Isaija 24

### Il-ġudizzju universali

1Ara l-Mulej se jbattal l-art, u jagħmel deżert minnha; se jaqlibha ta' taħt fuq u
jxerred 'il min jgħammar fiha.

2U l-qassis ikun bħall-poplu, u s-sid bħall-qaddej; is-sidt bħal l-qaddejja tagħha,
il-bejjiegħ bħax-xerrej; min jislef bħal min jissellef, min jiddejjen bħal min
idejjen.

3Titbattal l-art għalkollox, u d-dinja titneżża' għalkollox, għax lissen il-Mulej din
il-kelma.

4Imnikkta l-art u midbiela, mifnija u mitluqa d-dinja; is-sema u l-art it-tnejn
mifnija.

5U tniġġset l-art taħt min jgħammarha, għax ħallew il-liġijiet, ma qagħdux għall-
preċetti, kisru l-patt ta' dejjem.


© 2020 Malta Bible Society.

6Għalhekk is-saħta kielet l-art; u dawk li jgħammru fiha ħallsu għall-ħtija.
Għalhekk inħarqu dawk li jgħammru fl-art, ftit huma n-nies li baqgħu.

7Skarsa l-inbid, id-dielja dbielet, jitniehdu dawk ta' qalb ferħana.

8Siket il-ferħ tat-tnabar, għab l-għajjat tal-ferriħin, waqaf il-ferħ tal-arpa,

9Ma jixorbux aktar inbid u jgħannu; morr ix-xorb għal min jixorbu.

10Tfarrket il-belt tat-taħwid; issakkret kull dar biex ħadd ma jidħol.

11Jgħajtu fit-toroq għax m'hemmx inbid, il-ferħ għab kollu, l-hena tbiegħed mill-
art.

12Kulma baqa' fil-belt tħarbit, u l-bibien tfarrku u saru laqx.

13Hekk għad jiġri f'nofs l-art u fost il-popli, bħal meta jfarfru s-siġar taż-żebbuġ,
bħall-fdal wara l-ġbir tal-għeneb.

14Dawn jgħollu leħinhom u jgħannu ferħana; il-kobor tal-Mulej ixandru mill-
Punent:

15'Sebbħu lill-Mulej fil-Lvant, fil-gżejjer tal-Punent, isem il-Mulej, Alla ta' Iżrael.'

16Minn tarf l-art smajna l-għana: 'Glorja lill-Ġust.' Imma jiena għedt: 'Imsejken
jien, imsejken jien, jaħasra għalija il-ħżiena bil-qerq jimxu, ma jafux ħlief
iqarrqu.'

17Biża', ħofra u nassa, hemm għalik li tgħammar fl-art.

18U jiġri li min jaħrab mill-għajjat tal-biża' jaqa' fil-ħofra, u min jitla' mill-ħofra
jinqabad fin-nassa. Għax jinfetħu bwieb is-sema, jitheżżu sisien l-art.

19Għalkollox titfarrak l-art, tixxaqqaq minn fuq s'isfel, titheżżeż b'theżżiża kbira
l-art.

20Titbandal l-art bħal wieħed fis-sakra, tixxengel bħal għarix. Hżunitha tagħfas
fuqha, taqa' u ma terġax tqum.

21U dakinhar il-Mulej iżur l-eżerċti tas-smewwiet fis-sema, u s-slaten tal-art fl-
art.

22U jinġemgħu bħal ilsiera f'ħofra, u jingħalqu f'ħabs, u wara ħafna jiem jieħdu l-
kastig.

23U l-qamar jitħawwad, u x-xemx tistħi. Għax il-Mulej tal-eżerċti jsaltan fuq l-
għolja ta' Sijon u f'Ġerusalemm, u juri l-glorja tiegħu quddiem l-anzjani tiegħu.

# Isaija 25

### Għanja ta' tifħir


© 2020 Malta Bible Society.

1Mulej, Alla tiegħi int; infaħħrek u nsebbaħ lil ismek, għaliex għamilt ħwejjeġ tal-
għaġeb, kif ħsibt żmien ilu, u bis-sewwa, kif imiss.

2Għax il-belt għamiltha gozz ġebel, ħerba l-belt bis-swar imdawra. Il-fortizza tal-
kburin ma għadhiex belt iżjed, ma tinbena qatt aktar.

3Għalhekk ifaħħrek poplu b'saħħtu, il-belt ta' ġnus qawwija tibża' minnek.

4Għax inti kenn għall-imsejken, kenn għall-fqir fid-dwejjaq tiegħu, kenn fl-
irwiefen u dell fis-sħana. Għaliex l-infiħ tas-setgħanin bħax-xita tħabbat ma' ħajt,

5bħas-sħana tax-xemx f'art niexfa. Id-dagħdigħa tal-kburin int trażżan. Bħalma
d-dell ta' sħaba jtaffi s-sħana, hekk tissikket l-għanja tas-setgħanin bla qalb.

6U jagħmel il-Mulej tal-eżerċti għall-popli kollha fuq din il-muntanja, mejda
b'ikel fin, mejda bi nbejjed ħelwa, b'laħam imsemmen bil-mudullun, u nbejjed
fini.

7U jċarrat minn fuq din il-muntanja il-velu li kien jgħatti wiċċ il-popli kollha,
għata li kien jaħbi kollha kemm huma l-ġnus.

8Jeqred il-mewt għal dejjem, jixxotta Sidi l-Mulej id-dmugħ minn fuq kull wiċċ, u
jħassar l-għajb tal-poplu tiegħu minn wiċċ l-art kollha: għax il-Mulej tkellem.

9U dakinhar jgħidu: "Dan hu Alla tagħna: fih ittamajna li jsalvana; dan hu l-Mulej
li fih ittamajna: nifirħu u nithennew bis-salvazzjoni tiegħu."

10Għax id l-Mulej tinżel fuq din il-muntanja. U Mowab jisħquh fejn ikun, it-tiben
fil-miżbla bħalma jisħquh.

11U jmidd idejh ġo fiha, bħalma l-għawwiem imiddhom biex jgħum; imma jkollu
jniżżel kburitu, minkejja t-taħbit ta' jdejh.

12U jaqleb u jġarraf il-Mulej il-fortizzi għolja tas-swar tiegħu u jwaddabhom fit-
trab tal-art.

## Isaija 26

### L-Għanja tal-ħelsien

1Dakinhar jitkanta dan l-innu fl-art ta' Ġuda: "Għandna belt qawwija; bnielna
swar u ħitan għall-ħelsien tagħna.

2Iftħu l-bibien, biex jidħol il-poplu ġust li jżomm is-sewwa.

3Il-fehma tiegħu sħiħa fik; inti ssaħħaħlu s-sliem, għax fik ittama.

4Ittamaw fil-Mulej, għal dejjem, għax il-Mulej hu l-blata ta' dejjem.

5Lil min kien fl-għoli niżżlu, il-belt imkabbra niżżilha, waqqagħha għal isfel, fit-
trab xeħitha;


© 2020 Malta Bible Society.

6taħt is-saqajn tirtifes, saqajn il-fqir, ir-rifs tal-imsejknin."

7Wietja hi triq il-ġust, mogħdija dritta tħejji għall-ġust.

8Iva, fi triq il-ġudizzji tiegħek nittamaw, Mulej; għal ismek u tifkirtek tixxennaq
ruħna.

9Billejl tixtieqek ruħi; mas-sebħ tfittxek ġo fija qalbi. Għaliex meta jiddu l-
ġudizzji tiegħek fuq l-art, in-nies tad-dinja jitgħallmu l-ġustizzja.

10Iħennu għall-ħażin, imma dan is-sewwa ma jitgħallimx; f'art id-dritt jimxi bl-
imgħawweġ, u l-kobor tal-Mulej ma jqisux.

11Mulej, għollejt idek, u huma ma rawhiex. Ha jaraw il-ħeġġa tiegħek għall-poplu
u jistħu; ħa jkollhom in-nar lest għall-għedewwa tiegħek.

12Mulej, int tagħtina s-sliem, għemilna kollu għamiltu int għalina.

13Mulej, Alla tagħna, ħakmuna sidien oħra, imma aħna lilek u lil ismek biss
infaħħru.

14Huma mejta, ma jgħixux, erwieħ li ma jqumux. Hekk int ikkastigajthom u
qridthom, u ħassart kull tifkira tagħhom.

15Imma int kattart il-ġens, Mulej, kattart il-poplu u ssebbaħt, wessajt it-truf
kollha tal-pajjiż.

16Mulej fid-dwejjaq fittixniek, sejjaħnielek int u tikkastigana.

17Bħal mara tqila fil-ħlas titkagħweġ u tgħajjat bl-uġigħ, hekk konna aħna
quddiemek Mulej.

18Tqâlna u tkagħwiġna u wlidna r-riħ; is-salvazzjoni fuq l-art ma ksibnihiex, u
ma tweldux nies biex jgħammru fl-art.

19Għax jgħixu mill-ġdid il-mejtin tiegħek, il-katavri jqumu lkoll. Jistenbħu u
jgħannu dawk li jgħammru fit-trab. In-nida tiegħek hi nida ta' dawl, u l-art trodd
il-mejtin.

20Mur, poplu tiegħi, idħol fil-kmamar tiegħek, u sakkar il-bibien warajk! Inħeba
għal ftit sa ma tgħaddi l-korla.

21Għax, araw, il-Mulej ħiereġ minn għamartu, biex jitħallas tal-ħażen tan-nies
tal-art; l-art tikxef id-demm li xorbot, u ma tgħattix aktar il-maqtulin tagħha.

## Isaija 27

### Il-ħelsien ta' Iżrael

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

1F'dak il-jum jikkastiga l-Mulej bix-xabla qalila, kbira u qawwija tiegħu lil
Levjatan, is-serp ħafif, lil Levjatan, is-serp jitkagħweġ; joqtol id-dragun li hemm
fil-baħar.

2F'dak il-jum jgħidu: "Għannulha lill-ġnejna tad-dwieli, il-ġnejna fiha għaxqa!

3Jiena l-Mulej, l-għassies tagħha. Kull ħin u kull waqt insaqqiha. Biex ma tiġrilha
ebda ħsara, lejl u nhar jien inħarisha.

4Ma għadnix imgħaddab. Li kien hemm ix-xewk u l-ħurrieq, kont nagħmlilhom
gwerra, naħraqhom ilkoll f'salt wieħed,

5sakemm ma jfittxux il-kenn fija u ma jagħmlux paċi miegħi, u ma jagħmlux paċi
miegħi."

6U jfiġġ jum meta jxenxel għerq Ġakobb, meta jarmi u jiżhar Iżrael, u wiċċ id-
dinja jimlewh bil-frott.

7Jaqaw darbu l-Mulej bħalma kien darab lil min darbu? Jaqaw qatlu bħalma kien
qatel lil min qatlu?

8Ikkastigahom billi keċċiehom u bagħathom 'il barra; kaxkarhom bir-riħ qawwi
tiegħu f'jum ix-Xlokk.

9B'dan tinħafer il-ħtija ta' Ġakobb; dan ikun il-ħlas għat-tneħħija ta' dnubu: li
jagħmel il-ġebel tal-artal, bħal ġebel misħuq tal-ġir, li ma jwaqqafx ix-xbihat tal-
Asera u l-plieri tax-Xemx.

10Il-belt qawwija saret ħerba, post battal, mitluq bħad-deżert; fih jirgħa l-għoġol,
hemm jimtedd, hemm ilaqqat il-friegħi.

11Jinxfu u jitqarqċu l-friegħi tagħha, in-nisa jiġu u bihom iqabbdu n-nar, għax hu
poplu bla moħħ; għalhekk ma jħennx għalihom dak li ħalaqhom, u min
sawwarhom ma jagħdirhomx.

12U dakinhar jiġri li l-Mulej jidres il-qamħ mix-xmara tal-Ewfrat sal-Wied tal-
Eġittu, u intom tinġabru wieħed wieħed, ulied Iżrael.

13Dakinhar tindaqq it-tromba l-kbira, u jiġu lura l-mitlufin f'art l-Assirja, u l-
imxerrdin fl-art tal-Eġittu, u jqimu lill-Mulej, fuq il-muntanja mqaddsa
f'Ġerusalemm.

## Isaija 28

### Twiddiba lil Efrajm

1Gwaj għall-kuruna mkabbra tas-sakranazzi ta' Efrajm, għaż-żahar midbiel, il-
foħrija ta' sebħu fuq ras il-wied għammiel, tal-mitlufin fl-inbid.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

2Araw, is-Sid għażel wieħed qawwi u felħan! Bħal ħalba silġ, bħal riefnu qerried, bħal għargħar ta' ilma, qawwi u qerried, għad isabbathom mal-art b'kemm għandu saħħa.

3Taħt saqajh jisħaq il-kuruna tal-kburija tas-sakranazzi ta' Efrajm.

4U ż-żahar midbiel, il-foħrija ta' sebħu li hemm f'ras il-wied għammiel. Jiġrilu bħal tina bikrija qabel is-sajf: jaħtafha malli xi ħadd jaraha, u jiblagħha malli tiġi f'idu.

5Dakinhar ikun il-Mulej tal-eżerċti kuruna sabiħa u dijadema ta' ġmiel għal fdal il-poplu tiegħu;

6spirtu ta' ġustizzja għal min joqgħod fit-tribunal, u qawwa għal min jibqa' jitqabad fil-bieb.

### Theddida u wegħda lil Ġerusalemm

7Dawn ukoll jixxenglu bl-inbid, u bix-xorb qawwi jitbandlu. Qassis u profeta jixxenglu bix-xorb, megħlubin mill-inbid, jitbandlu bix-xorb, jixxenglu waqt il-viżjonijiet, jitbandlu meta jagħmlu l-ħaqq.

8L-imwejjed kollha tqalligħ, ħmieġ kullimkien.

9"Lil min se jgħallem l-għerf, u lil min se jfiehem il-messaġġ? Lit-trabi bilkemm maqtugħa minn sider ommhom?

10 Iva: Saw lasaw ; saw lasaw; kaw lakaw; kaw lakaw; żegħer sam; żegħer sam.

11Għax b'xufftejn itemtmu, u b'ilsien barrani jkellem il-Mulej lil dan il-poplu.

12Diġà qalilhom: "Dan hu l-mistrieħ! Serrħu lill-għajjien! Dan hu l-faraġ!" Imma huma ma ridux jisimgħu.

13Din tkun il-kelma tal-Mulej għalihom: "Saw lasaw; saw lasaw; kaw lakaw, kaw lakaw; żegħer sam; żegħer sam. Biex jimxu u jaqgħu warranijiet u jitfarrku, jixxebbku, u jinqabdu.

14Għalhekk isimgħu l-kelma tal-Mulej, nies insolenti, ħakkiema ta' dan il-poplu, hawn f'Ġerusalemm.

15Intom tgħidu: "Aħna għamilna patt mal-mewt, u ftehim ma' Art l-Imwiet, biex meta l-frosta tgħaddi bħall-għargħar ma tilħaqniex. Għax għamilna l-gidba l-kenn tagħna, u l-qerq is-satra tagħna."

16Għalhekk dan jgħid Sidi l-Mulej: "Jien inqiegħed fis-sod ġebla f'Sijon, ġebla magħżula u prezzjuża, ġebla tax-xewka, imsejsa sewwa, u min jemmen fiha ma jitħarrikx.

17U nagħmel is-sewwa bħala riegla, u l-ġustizzja bħala nvell. Is-silġ iġarraf kenn il-gideb, u għargħar ta' ilma jġorr il-moħba.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

18Il-patt tagħkom mal-mewt jitħassar; il-ftehim tagħkom ma' Art l-Imwiet ma
jseħħx; meta tgħaddi l-frosta ssawwat, tbattikom mgħaffġin fl-art.

19Kull darba li tgħaddi taħtafkom; għax għodwa wara għodwa tgħaddi, binhar u
billejl, u ħaġa tal-biża' tifhem biss il-messaġġ.

20Għax qasir ikun il-friex biex bniedem jimtedd, u dejjaq l-għata biex jitkebbeb
fih.

21Għax bħalma qam fuq il-muntanja ta' Perasim, iqum issa l-Mulej. Bħalma saħan
f'wied Gibgħon, jisħon issa biex itemm għemilu, għemil waħdani; biex jagħmel l-
opra tiegħu, l-opra tiegħu misterjuża.

22U issa tkunux aktar insolenti, li ma jissikkawx aktar il-ktajjen tagħkom. Għax
jien smajt digriet ta' qerda, mingħand Sidi l-Mulej tal-eżerċti, qerda għal fuq
kollha kemm hi l-art.

23Agħtu widen u isimgħu leħni; oqogħdu attenti u isimgħu kliemi.

24Jaqaw il-bidwi jaħrat il-jum kollu, jikser u jxattab dejjem l-art?

25Jaqaw ma jwittix wiċċ l-art, u mbagħad jiżra' l-ħlewwa u jxerred il-kemmun?
U ma jiżrax il-qamħ fir-raddi, u x-xgħir għalih u l-qamħ selvaġġ fit-truf?

26Alla tiegħu għallmu sewwa u wrieh kif.

27Mhux bix-xatba jidirsu l-ħlewwa, anqas rota ta' karettun ma jdawru fuq il-
kemmun; iżda bil-ħatar iħabbtu l-ħlewwa, u b'qasba l-kemmun.

28Jaqaw il-qamħ tal-ħobż jinsaħaq? Le, għax il-bidwi ma jidirsux bla heda, lanqas
ma jibqa' għaddej bir-romblu tas-slitta tiegħu, u ż-żiemel tiegħu ma jisħqux.

29Dan ukoll ġej mingħand il-Mulej tal-eżerċti; u hekk juri l-għaġeb ta' għaqlu, u
l-kobor ta' għerfu.

## Isaija 29

### Arjel u l-għedewwa tagħha

1Hażin għalik, Arjel, Arjel, il-belt fejn David waqqaf il-kamp! Żidu sena fuq sena,
ħa jgħaddu l-festi fid-dawra tagħhom.

2Jien ngħakkes lil Arjel, u jkun hemm ilmenti u krib. Int tkun għalija bħal Arjel.

3U nwaqqaf il-kamp kontrik madwarek, indawrek bit-torrijiet, u nħaffer
madwarek trunċiera, u ntella' għodod tal-gwerra kontrik.

4Nixħtek mal-art, u mill-art titkellem, u kliemek joħroġ minn ġot-trab; u leħnek
jitla' mill-art bħal ta' xi ruħ, u kliemek tpespes minn ġewwa t-trab.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

5Il-kotra tal-għedewwa tiegħek ikunu bħal għabra fina, u bħal karfa mtajra l-
kotra tal-qawwijin. Jiġri ħin bla waqt,

6li l-Mulej tal-eżerċti jżurek bir-ragħad, theżżiż u ħsejjes kbar, b'riefnu u
tempesta, u ilsna ta' nar qerried.

7Tkun bħal ħolma, dehra billejl, il-kotra kollha tal-ġnus jaħbtu għal Arjel, dawk
li jaħbtu għaliha, u għal torrijietha u jrossu fuqha.

8U bħal meta wieħed imġewwaħ joħlom li qiegħed jiekol, u jistenbaħ u jsib ħalqu
b'xejn; u bħal meta wieħed għatxan joħlom li qiegħed jixrob, jistenbaħ mifni u bi
griżmejh niexfa; hekk jiġrilha l-kotra kollha tal-ġnus li jaħbtu għall-muntanja ta'
Sijon.

### L-għama u l-wiċċ b'ieħor ta' Iżrael

9Stagħġbu u bliehu! Agħlqu għajnejkom, u ibqgħu għomja; iskru, mhux bl-inbid,
tbandlu, mhux bix-xorb qawwi!

10Għax il-Mulej xeħet fikom spirtu ta' ngħas qawwi, għalqilkom għajnejkom - il-
profeti; u għattielkom raskom - il-viżjunarji.

11Għalikom kull viżjoni ta' dan kollu tkun bħal kliem ta' ktieb issiġillat, li jagħtuh
lil xi ħadd li jaf jaqra u jgħidulu: "Aqra dan", u hu jwieġeb: "Ma nistax għax
issiġillat."

12Imbagħad jagħtuh lil min ma jafx jaqra u jgħidulu: "Aqra dan", u jwieġeb: "Ma
nafx naqra."

13Dan jgħid Sidi: "Dal-poplu resaq ħdejja b'fommu, u b'xufftejh biex iqimni,
imma qalbhom 'il bogħod minni, u l-biża' li għandhom minni mhux ħlief preċett
mgħallem lilhom mill-bnedmin.

14Għalhekk, arani, se nerġa' nagħmel l-għeġubijiet ma' dan il-poplu, għeġubijiet
mill-aktar kbar, u jintemm l-għerf tal-għorrief tiegħu, u jgħib id-dehen tad-
dehnin tiegħu."

15Ħażin għal dawk li jaħbu fil-fond fehmithom lill-Mulej, li għemilhom jinsab fid-
dlam, u jgħidu: "Min se jarana? Min se jagħrafna?"

16X'ħażen magħkom! Jaqaw il-fuħħari jitqies bħat-tafal, biex ix-xogħol jgħid fuq
min għamlu: "Mhux hu għamilni!" u l-fuħħar jgħid fuq il-fuħħari: "Ma jifhimx!"?

### Il-fidwa ta' Iżrael

17Mhux tassew li minn hawn u ftit ieħor, jerġa' jsir bħal ġnien il-Libanu, u l-ġnien
jitqies bħall-masġar?

18U dakinhar it-torox jisimgħu kliem il-ktieb; u, meħlusin mis-swied u d-dlam,
għajnejn l-għomja jaraw;

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

19u l-imsejknin jifirħu fil-Mulej, u l-fqajrin fost il-bnedmin jaqbżu bil-ferħ bil-Qaddis ta' Iżrael.

20Għax it-tirann għab, u l-insolenti ntemm, u tqaċċtu dawk kollha li jfittxu d-dnewwa;

21li jwaqqgħu l-ħtija fuq ħaddieħor, u jonsbu n-nassa lill-imħallef fil-bieb, u jwarrbu l-ġust għal kull xejn.

22Għalhekk dan jgħid il-Mulej; hu li feda lil Abraham, lid-dar ta' Ġakobb: "Ma jistħix aktar Ġakobb, u wiċċu aktar ma jisfarx.

23Għax meta jara lil uliedu, l-opra ta' jdejja f'nofsu, iqaddsu ismi; iqaddsu l-qaddis ta' Ġakobb, u jibżgħu minn Alla ta' Iżrael.

24U dawk li jiżbaljaw f'ruħhom, jiksbu d-dehen, u dawk li jgemgmu, jiksbu t-tagħlim."

## Isaija 30

### Il-ftehim fieragħ mal-Eġittu

1"Hażin għalikom, ulied xewwiexa, oraklu tal-Mulej. Jippruvaw, iżda mingħajri, jintrabtu u jiftiehmu, iżda mhux skont l-ispirtu tiegħi, biex iżidu dnub fuq dnub.

2Telqu u niżlu l-Eġittu, bla ma stħarrġu x'ngħid jien. Marru jistagħnew bil-qawwa tal-Fargħun, ifittxu l-kenn taħt dell l-Eġittu.

3Imma l-qawwa tal-Fargħun tkun għajb għalikom, u l-kenn taħt dell l-Eġittu l-mistħija tagħkom.

4Meta jaslu l-prinċpijiet tiegħu f'Sogħan, u l-messaġġiera tiegħu jilħqu Hanes,

5kulħadd jistħi minn poplu bla fejda, għax mhux ta' għajnuna, anqas ta' siwi, imma ta' għajb u diżunur.

6Oraklu għall-bhejjem tan-Negeb: F'art ta' hemm u dwejjaq, fejn hemm l-iljun u l-iljuna jgħajtu, il-lifgħa u s-serp itir, iġorru ġidhom fuq dahar il-ħmir, u t-teżori tagħhom fuq ħotbiet l-iġmla għal għand poplu li ma jiswiex.

7L-għajnuna tal-Eġittu hi fiergħa u vojta; għalhekk jien sejjaħtlu: "Raħab l-għażżiena".

8Issa, ejja iktibhielhom fuq tavlozz, u naqqaxha quddiemhom fuq il-bronż, biex tkun għaż-żmien li ġej xhieda għal dejjem.

9Għax dan il-poplu xewwiex, ulied giddieba; ulied li ma jridux jisimgħu il-liġi tal-Mulej.

10Jgħidu lill-veġġenti: 'La tarawx,' u lill-profeti: 'La tħabbrulniex is-sewwa. Għidulna li jogħġobna; ħabbrulna l-ħolm.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

11Oħorġu mit-triq, warrbu mill-mogħdija, neħħulna minn quddiemna l-Qaddis
ta' Iżrael.'

12Għalhekk dan jgħid il-Qaddis ta' Iżrael: "Talli intom tistmerru dan il-kliem, u
tittamaw fil-qerq u l-għawġ, u fuqhom tistrieħu,

13għalhekk dan id-dnub ikun għalikom, bħal biċċa ħajt imżakkra se taqa' mill-
għoli, waslet fi tmiemha sakemm tiġġarraf ħabta u sabta;

14titfarrak bħalma titfarrak ġarra tal-fuħħar, titkisser bla ħniena, u ma tibqax
xaqqufa mill-frak tagħha biex tiġbor biha ġamra mill-kenur, jew timla qatra ilma
minn ġol-ġiebja.

15Għax dan jgħid Sidi l-Mulej, il-Qaddis ta' Iżrael: "Fil-konverżjoni u l-kalma
ssibu s-salvazzjoni tagħkom; fil-kwiet u l-fiduċja qiegħda l-qawwa tagħkom."
Imma intom ma ridtux, iżda għedtu:

16"Fuq żwiemel naħarbu," għalhekk tassew għad taħarbu. "Fuq żwiemel ħfief
nirkbu," u ħfief ikunu dawk li għad jiġru warajkom.

17Mit-theddida ta' wieħed jitbeżżgħu elf, quddiem it-theddida ta' ħamsa taħarbu,
sakemm tibqgħu bħal arblu fuq quċċata ta' muntanja, bħal lasta fuq għolja.

18Madankollu mxennaq il-Mulej biex jagħdirkom, u għalhekk iqum biex iħenn
għalikom. Għax Alla ġust hu l-Mulej; henjin dawk li jafdaw fih.

### Il-ħniena ta' Alla għal Iżrael

19Iva, poplu ta' Sijon, int li tgħammar f'Ġerusalemm, ma tibkix aktar. Il-Mulej
iħenn għalik mal-ħoss tal-għajta tiegħek, malli jisimgħek jagħtik widen.

20Tassew li l-Mulej jagħtik ħobż l-imrar, u l-ilma tan-niket, iżda ma jinħebiex
iżjed minnek l-Imgħallem tiegħek; għajnejk jaraw l-Imgħallem tiegħek.

21Minn warajk jisimgħu widnejk kliem li jwissik u jgħidlek: "Din hi t-triq; għaddi
minnha, sew jekk tikser lejn il-lemin, sew lejn ix-xellug."

22Imbagħad int tniġġes ix-xbihat imnaqqxa bil-fidda miksija, ix-xbihat imdewba
u mdiehba tiegħek; int tarmihom bħal ħwejjeġ maħmuġa, u tgħidilhom: "Morru
'l barra!"

23U hu jibgħat ix-xita fuq il-miżrugħ tiegħek, u l-qamħ, frott l-art, ikun bnin u
mimli. Dakinhar l-imrieħel tiegħek jirgħu f'wesgħat kbar;

24fir-raba' l-gniedes u l-ħmir tax-xogħol jieklu għalf immellaħ, imderri bil-midra
u mgħoddi mill-għarbiel.

25U fuq kull muntanja kbira, fuq kull għolja wieqfa, ikun hemm xmajjar ta' ilma
f'jum il-ħerba l-kbira, f'jum it-tiġrif tal-fortizzi.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

26Id-dawl tal-qamar ikun jiddi bħad-dawl tax-xemx, u d-dawl tax-xemx jitqawwa
seba' darbiet, daqs id-dawl ta' sebat ijiem; dakinhar il-Mulej idewwi l-ġrieħi tal-
poplu tiegħu u jfejjaq it-tbenġil tas-swat tiegħu.

### Il-kastig tal-Assirja

27Araw, isem il-Mulej ġej mill-bogħod, mixgħul bil-korla u b'duħħan tiela'
madwaru, xufftejh mimlija qilla, u lsienu jibla' bħan-nar.

28U nifsu bħal xmara mfawra tilħaq sal-għonq, ġej biex jgħarbel il-ġnus
b'għarbiel il-qerda, u jxedd f'xedaq il-popli lġiem, li joħroġhom barra t-triq.

29U jkunilkom l-għana bħal meta billejl tiċċelebraw xi festa, u ferħ ta' qalb bħal
min jimxi bid-daqq tal-flawt, u jmur fuq l-għolja tal-Mulej lejn il-Blata ta' Iżrael.

30U l-Mulej isamma' l-leħen solenni tiegħu, u juri d-daqqa ta' driegħu, bil-qilla ta'
għadbu u lsien ta' nar wikkiel, b'xita qawwija, tempesta u silġ kbir.

31Għax għal leħen il-Mulej titwerwer l-Assirja, meta jidrobha bil-virga tiegħu.

32Ma' kull daqqa ta' ħatar il-kastig li jniżżel il-Mulej idoqqu t-tnabar u l-arpi
flimkien maż-żfin; ixejjer l-armi u jissielet bihom.

33Ilu mħejji t-Tofet għall-ħruq, lest għas-sultan, fond u wiesa', b'gozz kbir ħatab
għan-nar; nifs il-Mulej, bħal wied kubrit, jagħtih in-nar.

## Isaija 31

### Ix-xejn tal-Eġittu

1Issa għalihom dawk li jinżlu l-Eġittu għall-għajnuna, għal dawk li jittamaw fiż-
żwiemel; il-fiduċja tagħhom fil-kotra tal-karrijiet, u l-qawwa u s-saħħa tar-
rikkieba, imma ma jittamawx fil-Qaddis ta' Iżrael, u l-Mulej ma jfittxuhx.

2Imma hu wkoll għaref u jaf iġib id-deni, u kliemu ma jreġġgħux lura. Hu jqum
kontra dar il-ħżiena, u kontra min jgħin għemil il-ħażen.

3L-Eġizzjani bnedmin huma, mhumiex Alla, u ż-żwiemel tagħhom laħam, u mhux
ruħ. Meta l-Mulej imidd idu, jogħtor min jgħin, u jaqa' l-megħjun, u lkoll flimkien
jintemmu.

4Għax dan qalli l-Mulej: "Bħalma jgħajjat fuq il-priża l-iljun u ferħ l-iljun, u
tinġama' kontrih il-qatgħa tar-rgħajja, imma hu ma jibżax mill-għajjat tagħhom,
u anqas jintreħa quddiem il-kotra tagħhom, hekk jinżel il-Mulej tal-eżerċti, biex
jitqabad fuq il-muntanja ta' Sijon u l-għolja tagħha.

5Bħall-għasafar jittajru, hekk il-Mulej tal-eżerċti iħares 'il Ġerusalemm,
ikenninha u jħarisha, jaħfrilha u jeħlisha.

6Erġgħu lura għal għand dak li minnu tbegħedtu sewwa, o wlied Iżrael!


© 2020 Malta Bible Society.

7F'dak il-jum kulħadd jarmi l-allat tiegħu, l-allat tal-fidda u l-allat tad-deheb, l-allat li għamlu idejkom għad-dnub.

8"U taqa' l-Assirja b'xabla mhux ta' bniedem; u xabla mhux ta' bniedem tikolha. Jekk taħrab minn quddiem ix-xabla, iż-żgħażagħ tagħha jispiċċaw ilsiera.

9Il-fortizza tagħha ddub bil-biża' u l-fizzjali tagħha mbeżżgħa jħallu l-istendardi." Dan hu l-oraklu tal-Mulej, li għandu n-nar fuq Sijon, u l-forġa f'Ġerusalemm.

## Isaija 32

### Is-sultan ġust

1Araw, sultan għad isaltan bil-ġustizzja, u prinċpijiet jaħkmu bis-sewwa.

2U kull wieħed ikun bħal ilqugħ għar-riħ, u kenn fit-tempesta, bħal swieqi tal-ilma f'art niexfa, bħal dell ta' blata kbira fuq art imħeddla.

3Ma jitgħammxux għajnejn dawk li jaraw, u jinfetħu widnejn dawk li jisimgħu.

4L-imħuħ imħawda jfittxu l-għerf u lsien it-temtiema jinħall u jeħfief.

5Lill-bniedem iblah ma jsejħulux aktar nobbli, u l-imbruljun anqas ma jgħidulu galantom.

6Għax l-iblah il-bluha jitkellem, u moħħu jfassal il-ħsara, biex jagħmel il-ħażen; u jitkellem mgħawweġ kontra l-Mulej, biex imbagħad iħalli għar-riq griżmejn l-imġewwaħ, u lill-għatxan jiċħadlu x-xorb.

7Għodod l-imbruljun kollha ħżiena; jinseġ il-qerq, biex jeqred iż-żgħar bi kliem giddieb imqar meta l-kawża tal-fqir tkun ġusta.

8Imma min hu nobbli jaħseb ħwejjeġ nobbli; u jindaħal dejjem għal ħwejjeġ kbar.

### Twiddiba għan-nisa ta' Ġerusalemm

9O nisa bla ħsieb, qumu u isimgħu leħni! O xbejbiet moħħkom mistrieħ, agħtu widen għal kliemi!

10Fi ftit jiem aktar minn sena għad titkexkxu, intom li moħħkom mistrieħ iżżejjed, għax jonqos l-għasir, il-ġabra tal-ħsad ma tasal qatt.

11Triegħdu, intom nisa bla ħsieb, tkexkxu intom b'moħħkom mistrieħ. Inżgħu u nkixfu, ħażżmu xkora ma' qaddkom,

12ħabbtu fuq sidirkom, għar-raba' sabiħ, għad-dielja għammiela,

13għal art il-poplu tiegħi mimlija xewk u għollieq, għad-djar kollha tal-pjaċir, għall-belt ferrieħa.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

14 Iva, il-palazz għad jitilquh, l-għagħa tal-belt jintemm, l-għolja ta' Ofel u t-torri
ta' Baħan jisfgħu għerien għal dejjem, l-għaxqa tal-ħmir selvaġġi, mergħa għall-
imrieħel.

15 Imbagħad jissawwab fuqna spirtu mill-għoli, u d-deżert jinbidel f'art
għammiela, u l-art għammiela ssir foresta.

16 U tistrieħ il-ġustizzja fid-deżert, u s-sewwa jgħammar f'art għammiela.

17 Is-sliem ikun frott il-ġustizzja, u l-ħidma tal-ġustizzja tkun serħan u tama għal
dejjem.

18 U l-poplu tiegħi f'post tas-sliem, jgħammar bla biża', mistrieħ fil-kwiet.

19 U l-foresta taqa' u tiġġarraf, u l-belt titniżżel sa isfel nett.

20 Henjin intom, li tiżirgħu ħdejn kull ilma, u tħollu riġlejn il-gendus u l-ħmar.

## Isaija 33

### Il-Mulej isalva l-poplu

1 Hażin għalik, int li tħarbat u għadhom ma ħarbtukx; int li tqarraq, u għadhom
ma qarrqux bik. Meta ma tħarbatx aktar, iħarbtuk; meta ma tqarraqx aktar,
iqarrqu bik.

2 Mulej ħenn għalina, fik nittamaw. Kun driegħ għalina kull filgħodu, u s-
salvazzjoni tagħna fi żmien it-taħbit.

3 Għall-ħsejjes tal-għagħa ħarbu l-ġnus; mal-qawmien tiegħek xterdu l-popli.

4 Inġabret il-priża, bħalma jinġabru l-ġradijiet; jinxteħtu fuqha bħalma jinxteħet
il-ġrad.

5 Tgħolla l-Mulej, għax jgħammar fl-għoli; lil Sijon imlieha bil-ġustizzja u s-
sewwa.

6 U l-qawwa tiegħek fil-liġi tiegħu; u s-salvazzjoni tiegħek fl-għerf u s-sapjenza;
il-biża' ta' Alla t-teżor tiegħu.

7 Ara, in-nies ta' Arjel jgħajtu minn barra, il-messaġġiera ta' Salem jibku bl-imrar.

8 It-toroq baħħ, ħadd ma hemm li jgħaddi l-mogħdijiet. Kiser il-patt, ix-xhieda
stmerrhom, ma ta kas ta' ħadd.

9 Bil-vistu mifni l-pajjiż, il-Libanu mħawwad u midbiel, Saron sar bħad-deżert u
bla weraq Basan u Karmel.

10 "Issa nqum!" jgħid il-Mulej, "Issa nqum fuq qaddi; issa nogħla 'l fuq."

11 Intom ħbiltu l-ħuxlief, u issa tildu t-tiben; nifsi bħan-nar jikolkom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

12U l-ġnus jinħarqu bħal kalkara tal-ġir, bħal xwiek maqtugħa u mogħtija n-nar.

13Intom li fil-bogħod tinsabu, isimgħu jien x'għamilt! Intom li qegħdin fil-qrib,
kunu afu bis-setgħa tiegħi!

14Il-ħatja f'Sijon twerwru, fuq il-ħżiena waqa' l-biża'. Min minna se joqgħod ma'
nar qerriedi? Min minna se joqgħod ma' nirien dejjem iħeġġu?

15Min jimxi fis-sewwa u jgħid id-dritt, min jistmerr il-qligħ miksub bil-qerq, min
iwarrab idejh biex ma jixxaħħamx, min isodd widnejh biex b'tixrid id-dmija ma
jismax, min jagħlaq għajnejh biex ħażen ma jarax:

16dan jgħammar fl-għoli: fortizza taż-żonqor il-kenn tiegħu, il-ħobż tiegħu jsibu,
u l-ilma qatt ma jonqsu.

17Jaraw għajnejk sultan fi ġmielu, jaraw art mifruxa 'l bogħod.

18Ħsiebek imur fuq it-twerwir li għadda: "Fejn hu dak li jgħodd? Fejn hu dak li
jiżen? Fejn hu min jgħodd il-fortizzi?"

19Ma tarax iżjed poplu qalil, poplu bi lsien tqil li ma tifhmux, b'ilsien itemtem li
ma tfissrux.

20Ħares lejn Sijon, il-belt tal-festi tagħna! Jaraw għajnejk 'il Ġerusalemm, dar is-
sliem, għarix ma jħarrku ħadd; il-kunjardi tagħha ma jaqlagħhom ħadd; il-ħbula
tagħha ma jinqatgħu b'xejn.

21Għax hemm għalina jkun il-kobor tal-Mulej, hemmhekk ix-xmajjar u l-widien
wesgħin, mnejn ebda ġifen bl-imqadef ma jgħaddi, u lanqas ma jaqsmu xwieni
kbar.

22Għax il-Mulej hu l-imħallef tagħna; il-Mulej il-leġislatur tagħna. Il-Mulej is-
sultan tagħna, hu li jsalvana.

23Irħew il-ħbula tiegħek, ma jżommux aktar l-arblu f'postu, ma jifirxux aktar il-
qlugħ. Imbagħad l-għomja jaqsmu priża kbira, u z-zopop ikollhom sehem fil-
ħatfa.

24U ħadd minn min jgħammar hemm ma jgħid: "Jien marid." Il-poplu li hemm
fiha tinħafirlu ħżunitu.

# Isaija 34

### L-għadab ta' Alla kontra l-ġnus

1Ersqu, ġnus, ħa tisimgħu, u intom, popli, agħtu widen! Ħa tisma' l-art u kulma
fiha, id-dinja u kulma trodd.

2Għax il-Mulej mgħaddab għall-ġnus kollha, u s-saħna tiegħu fuq l-eżerċti kollha
tagħhom. Qatagħha li lkoll jeqridhom, u jerħihom għall-qatla.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

[3]Il-maqtula tagħhom jintremew, u titla' l-intiena minn ġisimhom. Iċarċru b'demmhom il-muntanji.

[4]Il-qtajjiet tas-smewwiet jinħallu, u s-smewwiet bħal ktieb jitkebbu. Il-qtajjiet tagħhom jaqgħu, bħalma jaqa' l-weraq midbiel mid-dielja u l-frott misjur mit-tina.

[5]Għax fis-smewwiet sikret ix-xabla tiegħi, u għad tinżel fuq Edom, fuq poplu mitluq għall-qerda, biex minnu tagħmel ħaqq.

[6]Ix-xabla tal-Mulej tħammar bid-demm, tqattar bix-xaħam, bid-demm tal-ħrief u l-bdabad, bix-xaħam tal-kliewi tal-imtaten. Għax ikollu l-Mulej sagrifiċċju f'Bosra, qatla kbira f'Edom.

[7]Jaqgħu l-bufli mal-għoġiela smien, il-gniedes mal-barrin. Arthom tisker bid-demm, u trabhom bix-xaħam isir tajn.

[8]Għax hu jum il-vendetta tal-Mulej, is-sena tal-ħlas għall-għadu ta' Sijon.

[9]Il-widien tiegħu jinbidlu f'qatran. U trabu f'kubrit. U artu ssir qatran

[10]iħeġġeġ lejl u nhar. Qatt ma tintefa, id-dħaħen minnha dejjem telgħin. Tkun ħerba għal dejjem minn żmien għal żmien; qatt iżjed ma jgħaddu minnha.

[11]Jirtuha l-pellikan u l-qanfud, fiha jgħammru l-kokka u ċ-ċawlun. Il-Mulej jifrex fuqha l-ħabel tal-vojt, u ċ-ċomb tal-baħħ.

[12]In-nobbli tagħha ma jkunux aktar, u slaten aktar ma jipproklamawx, u prinċpijiet jiġu fix-xejn.

[13]Fil-palazzi tagħha jinbet ix-xewk; għollieq u ħurrieq fil-fortizzi tagħha. Issir kenn għax-xakalli, u bitħa għan-ngħam.

[14]Jiltaqgħu hemm il-jena u l-klieb tax-xagħri; u l-mogħoż selvaġġi jsejħu lil xulxin; hemm ukoll toqgħod il-kokka tad-deżert, u ssib il-mistrieħ tagħha.

[15]Hemm ibejjet is-serp u jbid, isaħħan u jfaqqas il-bajd. Hemm ukoll jiltaqgħu l-isqra, is-sieħeb mas-sieħba tiegħu.

[16]Fittxu fil-ktieb tal-Mulej u aqraw: "Ma tonqos ebda waħda minnhom l-ebda waħda ma titlef lil seħibha. Għax fommi kkmanda dan." L-ispirtu tiegħu li ġabarhom;

[17]hu li xeħet xortihom, u idu qassmitilhom l-art bil-ħabel. Tkun wirthom għal dejjem, minn ġenerazzjoni għal oħra jgħammru fiha.

## Isaija 35

### Is-salvazzjoni tal-poplu ta' Alla


© 2020 Malta Bible Society.

1Ħa jifirħu d-deżert u l-art maħruqa; ħa jifraħ ix-xagħri u jwarrad, ħa jwarrad
bħar-ranġis.

2Ħa tifraħ fuq li tifraħ, taqbeż u tgħanni. Sebħ il-Libanu jingħata lilha, il-ġmiel
tal-Karmel u ta' Saron. Għad jaraw is-sebħ tal-Mulej, il-ġmiel ta' Alla tagħna.

3Qawwu l-idejn mitruħa; saħħu l-irkupptejn imriegħda.

4Għidu lil dawk b'qalbhom imbeżżgħa: "Agħmlu l-ħila, la tibżgħux! Araw, Alla
tagħkom ġej jitħallas; il-ħlas ta' Alla wasal; Hu stess ġej biex isalvakom.

5Imbagħad jinfetħu għajnejn l-għomja, jinfetħu widnejn it-torox.

6Imbagħad iz-zopp jaqbeż bħal għażżiela u lsien l-imbikkma jinħall bil-ferħ. Iva,
igelgel l-ilma fid-deżert, u l-widien fix-xagħri.

7L-art maħruqa tinbidel f'għadira, u l-art niexfa f'għejun ta' ilma ġieri. Fejn qabel
kienu jimteddu x-xakalli, issa hemm il-ħmiemel tal-qasab u l-ġummar.

8Hemm ikun hemm triq, isejħulha: 'It-Triq il-Qaddisa'. Ħadd imniġġes ma
jgħaddi minnha, u l-boloh ma jiġġerrewx fiha.

9Ma jkunx hemm l-iljun, u ebda bhima feroċi ma titla' minnha: minnha jgħaddu
l-mifdijin.

10Jerġgħu lura l-mifdijin tal-Mulej, u jidħlu f'Sijon jgħajtu bil-ferħ, b'ferħ ta'
dejjem fuq rashom. Il-ferħ u l-hena jiksbu, u jgħibu swied il-qalb u l-krib.

## Isaija 36

### Sanħerib jaħbat għal Ġuda

1Fis-sena erbatax tas-sultan Ħeżekija, Sanħerib, sultan tal-Assirja, tala' jaħbat
għall-ibliet kollha ffortifikati ta' Ġuda, u ħadhom f'idejh.

2U s-sultan tal-Assirja bagħat minn Lakis il-gran kuppier kontra Ħeżekija
b'eżerċtu kbir f'Ġerusalemm. U waqaf ħdejn l-akwedott tal-għadira l-fuqanija li
taħbat fuq it-triq tal-Għalqa tal-Ħassiel.

3U ħareġ Eljakim bin Ħilkija, li kien jagħmel mill-palazz, u Sebna s-segretarju, u
Ġowaħ bin Asaf, il-kronista.

4U l-gran kuppier qalilhom: "Għidu lil Ħeżekija: 'Dan jgħid is-sultan il-kbir, is-
sultan tal-Assirja: X'inhi din it-tama li int qiegħed tittama?

5Taħseb int jaqaw li l-kliem waħdu jfisser għaqal u qawwa għall-gwerra? Issa int
f'min qiegħed tittama, biex irvellajt kontrija?

6Bħalissa int qiegħed isserraħ rasek bl-Eġittu, dik il-qasba mxaqqa li tidħol f'id
min jistrieħ fuqha u ttaqqabhielu. Dan hu l-Fargħun, is-sultan tal-Eġittu, għal
min jittama fih.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

7Tgħiduli intom: 'Fil-Mulej Alla tagħna nittamaw aħna.' Mhux hu kien li Ħeżekija neħħielu s-santwarji u l-artal tiegħu, u ordna lil Ġuda u 'l Ġerusalemm: 'Quddiem dan l-artal taduraw f'Ġerusalemm'?

8U issa agħmel imħatra ma' sidi s-sultan tal-Assirja u jien nagħtik elfejn żiemel, jekk inti għandek il-ħila ssib rikkieba għalihom.

9Kif tista', mela, traġġa' lura lil wieħed mill-iċken qaddejja ta' sidi? U mbagħad int tistenna ż-żwiemel u r-rikkieba mill-Eġittu!

10U issa, jaqaw, jien tlajt biex inħarbat dan il-pajjiż mingħajr ir-rieda tal-Mulej? Il-Mulej qalli: 'Itla' għal din l-art u ħarbatha.' "

11U Eljakim, Sebna u Ġowaħ wieġbu lill-gran kuppier: "Kellem lill-qaddejja tiegħek bl-Arami, għax aħna nifhmuh. Tkellimniex bil-Lhudi, għax jisma' l-poplu li qiegħed fuq is-sur."

12U l-gran kuppier wieġeb: "Jaqaw sidna bagħatna ngħidu dan il-kliem lilek jew lil sidek? Mhux lill-irġiel li hemm fuq is-sur, jieklu ħmieġhom u jixorbu ilmiethom magħkom?"

13U l-gran kuppier baqa' hemm u beda jgħajjat b'leħen għoli u jgħid bil-Lhudi: "Isimgħu l-kelma tas-sultan il-kbir, is-sultan tal-Assirja.

14Dan jgħid is-sultan: Ma jqarraqx bikom is-sultan Ħeżekija, għax ma jistax jeħliskom minn idejja.

15Ma jittamakomx Ħeżekija fil-Mulej u jgħidilkom: "Il-Mulej jeħlisna żgur u din il-belt ma tingħatax f'idejn is-sultan tal-Assirja."

16La tisimgħux lil Ħeżekija għax dan jgħid is-sultan tal-Assirja: Agħmlu paċi miegħi u ersqu lejja, u tieklu, kull wieħed mid-dielja tiegħu u kull wieħed mit-tina tiegħu u jixrob l-ilma kull wieħed mill-bir tiegħu.

17Sakemm niġi u neħodkom f'art bħal artkom, art tal-qmuħ u tal-inbid, art tal-ħobż u tad-dwieli.'

18La tisimgħux lil Ħeżekija għax ikun qiegħed iqarraq bikom meta jgħidilkom: "Il-Mulej jeħlisna!" Jaqaw allat il-ġnus ħelsu lil pajjiżhom minn id is-sultan tal-Assirja?

19Fejn huma l-allat ta' Hamat u Arfad, fejn huma l-allat ta' Sefarwajjim? Ħelsu huma lil Samarija minn idejja?

20Min huma fost l-allat kollha ta' dawn l-artijiet li ħelsu lil arthom minn idejja, biex issa jeħles il-Mulej lil Ġerusalemm minn idejja?' "

21U l-poplu baqa' sieket u ma weġbuhx, għax is-sultan kien ordnalhom: "La twiġbuhx."


© 2020 Malta Bible Society.

22U Eljakim bin Hilkija, li kien jagħmel mill-palazz, u Sebna s-segretarju, u Ġowaħ
bin Asaf, il-kronista, marru għand Heżekija bi ħwejjiġhom imċarrta, u għarrfuh
b'kulma qalilhom il-gran kuppier.

## Isaija 37

### It-telfa ta' Sanħerib

1Malli s-sultan Heżekija sama' b'dan, ċarrat ilbiesu u nkesa bi xkora, u mar fit-tempju tal-Mulej.

2U bagħat lil Eljakim, li kien jagħmel mill-palazz, u 'l Sebna s-segretarju, u x-xjuħ tal-qassisin liebsa x-xkejjer għand il-profeta Isaija bin Amos.

3U qalulu: "Dan jgħid Heżekija: 'Jum ta' diqa u kastig u għajb illum; l-ulied waslu għat-twelid, imma n-nisa bla saħħa.

4Għandu mnejn jisma' l-Mulej Alla tiegħek il-kliem tal-gran kuppier, mibgħut minn sidu s-sultan tal-Assirja, biex iżeblaħ lil Alla l-ħaj, u jrażżnu għall-kliem li sama' l-Mulej Alla tiegħek. Itlob bil-qawwa għall-bqija li għad fadal."

5U l-qaddejja ta' Heżekija marru għand Isaija.

6U Isaija qalilhom: "Dan għidu lil sidkom: 'Dan jgħid il-Mulej: La tibżax mill-kliem li smajt, li bih il-qaddejja tas-sultan tal-Assirja żebilħuni.

7Arawni, se nqajjem spirtu fih, u malli jisma' aħbar jerġa' lura lejn artu, u hemm f'pajjiżu neqirdu bix-xabla."

8Il-gran kuppier raġa' lura u sab lis-sultan tal-Assirja jitqabad kontra Libna; għax kien sama' li dan kien tbiegħed minn Lakis.

9U s-sultan sama' b'Tirħaka, sultan ta' Kus: "Ara, ħareġ jeħodha kontrik." Għalhekk raġa' bagħat xi messaġġiera għand Heżekija u qalilhom:

10"Dan għidulu lil Heżekija, sultan ta' Ġuda; 'Lil Alla tiegħek, li fih inti tqiegħed it-tama tiegħek, tħallihx iqarraq bik billi jgħidlek li Ġerusalemm ma tistax tingħata f'idejn is-sultan tal-Assirja!

11Inti smajt x'għamlu s-slaten tal-Assirja lill-pajjiżi l-oħra kollha, kif qerduhom għalkollox. Int waħdek se teħles?

12Jaqaw il-ġnus li missirijieti qerdu - Gożan, Haran, Resef, u l-poplu ta' Għeden, li kienu jgħammru f'Telaxxar - ħelsuhom l-allat tagħhom?

13Fejn hu s-sultan ta' Hamat, u s-sultan ta' Arfad, u s-sultan tal-belt ta' Sefarwajjin, ta' Hena u Għiwwa?"

14Heżekija ħa l-ittra minn id il-messaġġiera u qraha. Imbagħad tala' fit-tempju tal-Mulej, u firixha quddiem il-Mulej.


© 2020 Malta Bible Society.

15U Heżekija talab lill-Mulej b'dan il-kliem:

16"Mulej tal-eżerċti, Alla ta' Iżrael, li qiegħed fuq il-kerubini, int waħdek Alla fuq
is-saltniet kollha tal-art; int għamilt is-smewwiet u l-art.

17Agħti widen, Mulej, u isma'; iftaħ għajnejk, Mulej, u ara! Isma' l-kliem ta'
Sanħerib, li bih bagħat iżeblaħ lil Alla l-ħaj.

18Kollu minnu, Mulej, li s-slaten tal-Assirja ħarbtu l-ġnus u artijiethom;

19u xeħtu l-allat, għax mhumiex ħlief ħatab u ġebel, xogħol ta' id il-bniedem, u
għalhekk setgħu jġibuhom fix-xejn.

20Issa, Mulej Alla tagħna, salvana minn idu, u jkunu jafu s-saltniet kollha tal-art
li inti waħdek Alla, Mulej."

21Imbagħad Isaija bin Amos bagħat jgħid lil Ħeżekija: "Dan jgħid il-Mulej, Alla ta'
Iżrael: 'Kulma tlabtni dwar is-sultan Sanħerib, sultan tal-Assirja, jiena smajtu.'

22Dan jgħid il-Mulej kontrih: 'Tistmerrek, tiddieħak bik, ix-xebba bint Sijon.
Minn warajk tħarrek rasha, bint Ġerusalemm.

23Lil min għajjart u lil min żeblaħt? Kontra min għollejt leħnek, u rfajt għajnejk
fl-għoli? Kontra l-Qaddis ta' Iżrael!

24Bil-messaġġiera tiegħek għajjart lis-Sid, u għedt: 'Bil-kotra tal-karrijiet tiegħi
jien tlajt fl-għoli fuq il-muntanji, fuq il-qċaċet tal-Libanu. Qaċċatt l-ogħla ċedri
tiegħu, l-isbaħ fost iċ-ċipress tiegħu. Dħalt fl-ibgħad irkejjen tiegħu, fil-foresti
tiegħu qishom ġonna.

25Jiena ħaffirt u xrobt l-ilma tal-barrani, jien nixxift b'qiegħ saqajja l-widien
kollha tal-Eġittu.

26Ma smajtx jaqaw li sa minn żmien ilu dan ħejjejtu jien? Minn żmien il-qedem
jien kont sawwartu, u issa temmejtu. Int kellek tagħmel gozz ħerba bliet bis-
swar.

27U nieshom bla ħila, tħawdu u twerwru, saru bħal ħaxix tar-raba', bħal inbiet
tari, bħal ħażiż tal-bjut, u sbul maħruq mir-riħ tal-Lvant.

28Kull meta inti toqgħod, jew toħroġ, jonkella tidħol, u meta tagħdab għalija,
jiena nkun naf.

29Ladarba żżarġant kontrija, u l-kburija tiegħek waslet f'widnejja, jiena ngħaddi
ħolqti minn imnifsejk, u lġiemi minn xufftejk, u rreġġgħek lura fi triqtek li
minnha ġejt.'

30U dan ikun is-sinjal: Din is-sena tiekol milli jinbet waħdu, sena oħra dak li
jinbet minn dan, u fit-tielet sena tiżirgħu u taħsdu, u tħawlu d-dwieli u tieklu
mill-għelejjel tagħhom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

31U l-fdal li jkun ħeles mid-dar ta’ Ġuda jibqgħu u jxenxlu għeruqhom fil-fond u
jagħmlu l-frott fil-wiċċ.

32Għax minn Ġerusalemm joħroġ il-fdal u mill-muntanja ta’ Sijon il-meħlusin. Il-
ħeġġa tal-Mulej tagħmel dan.

33Għalhekk dan jgħid il-Mulej għas-sultan tal-Assirja: ‘F’din il-belt ma jidħolx;
ebda vleġġa ma jwaddab fiha; ebda tarka ma jressaq quddiemha; ebda ħajt ma
jtella’ madwarha.

34Mit-triq li minnha ġie, minnha jerġa’ lura, u f’din il-belt ma jidħolx, oraklu tal-
Mulej.

35Jiena nħares din il-belt u nsalvaha minħabba fija nnifsi, u minħabba David, il-
qaddej tiegħi.’ ”

36U ħareġ l-anġlu tal-Mulej fil-kamp tal-Assiri u qered mija u ħamsa u tmenin elf
ruħ. Xħin qamu l-oħrajn filgħodu, hemm isibuhom ilkoll iġsma mejta.

37Imbagħad Sanħerib, sultan tal-Assirja, rafa’ l-kamp u telaq u raġa’ lura u baqa’
f’Ninwè.

38U kif kien mixħut fl-art fit-tempju ta’ Nisrok, alla tiegħu, Adrammelek u
Sareser, uliedu, darbuh bix-xabla u ħarbu lejn l-art ta’ Ararat. U saltan minfloku
Asarħaddun, ibnu.

## Isaija 38

### Il-marda u l-fejqan ta’ Ħeżekija

1F’dak iż-żmien Ħeżekija marad għall-mewt. U ġie għandu l-profeta Isaija bin
Amos, u qallu: “Dan jgħid il-Mulej: ‘Aħseb għal darek għax se tmut u ma tgħixx.’
”

2U Ħeżekija dawwar wiċċu lejn il-ħajt, u beda jitlob lill-Mulej u jgħid:

3“Ftakar, Mulej, nitolbok kif jien imxejt quddiemek b’fedeltà, u qalb sħiħa u
għamilt it-tajjeb f’għajnejk.” U beka Ħeżekija biki kbir.

4Imbagħad il-kelma tal-Mulej ġiet fuq Isaija u qallu:

5“Mur u għid lil Ħeżekija: ‘Dan jgħid il-Mulej, Alla ta’ David missierek: Jien smajt
it-talba tiegħek, rajt id-dmugħ tiegħek. Arani, issa se ntawwal għomrok bi
ħmistax-il sena oħra,

6u neħilsek minn id is-sultan tal-Assirja, lilek u ’l din il-belt, u nħares ’il din il-
belt.”

21U Isaija qal: “Ha jieħdu ċappa tin u jogħrku l-ġerħa biha u jfiq.”

22U Ħeżekija qal lil Isaija: “Liema hu s-sinjal li se nitla’ f’dar il-Mulej?”

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

7“U dan ikun is-sinjal mill-Mulej, li l-Mulej jagħmel dan.

8Arani, jiena rraġġa’ lura d-dell għaxar tarġiet, li x-xemx diġà niżlet mat-taraġ ta’
Aħaż.” U x-xemx reġgħet lura għaxar tarġiet mit-taraġ li kienet telgħet.

9Kantiku ta’ Heżekija, sultan ta’ Ġuda, meta marad u fieq mill-marda tiegħu:

10“Jien għedt: F’nofs ħajti jkolli nitlaq; għall-bqija ta’ snini jżommuni fi bwieb Art
l-Imwiet.”

11Jien għedt: “M’iniex se nara l-Mulej f’art il-ħajjin; ma nara b’għajnejja lil ħadd
iżjed minn fost dawk li jgħammru fid-dinja.

12Tneħħietli l-għamara tiegħi u ġiet imwarrba minni, bħal għarix ta’ ragħaj. Int
kebbibt ’il ħajti bħan-nissieġ, min-newl int qtajtni. Mis-sebħ sad-dlam int tkun
temmejtni.

13Bqajt ngħajjat sa sbieħ il-jum bħal iljun il-Mulej kissirli għadmi. Mis-sebħ sad-
dlam int tkun temmejtni.

14Bħal ħuttafa npespes, bħal ħamiema nokrob, għajnejja għejew iħarsu ’l fuq.
Mulej, jien magħkus, aqbeż għalija!

15X’naqbad nitkellem, u x’għandi ngħidlu? Għax hu kellimni, u hu għamlu dan.
Irqadi kollu għab minħabba l-imrar f’ruħi.

16Mulej, qalbi tgħix għalik, aħjili ’l ruħi, fejjaqni u agħtini saħħti.

17Ara, imrari tbiddel fi sliem, int salvajtli ’l ħajti mill-ħofra tal-qerda, int xħett
wara spallejk ħtijieti kollha.

18Għax mhux Art l-Imwiet li troddlok ħajr, anqas il-mewt ma tfaħħrek. Ma
jittamawx fil-fedeltà tiegħek dawk li jinżlu fil-ħofra.

19Il-ħaj, min jgħix, jiżżik ħajr, bħalma qed nagħmel jien illum; il-missier jgħarraf
lil uliedu l-fedeltà tiegħek.

20Salvana, Mulej, u aħna ngħannu fuq iċ-ċetri il-jiem kollha ta’ ħajjitna f’dar il-
Mulej.

## Isaija 39

### Ħeżekija jilqa’ l-ambaxxaturi

1Dak iż-żmien Merodak-baladan bin Baladan, sultan ta’ Babilonja, bagħat ittra u
rigal lil Heżekija, għax kien sama’ li Heżekija kien marad u fieq.

2Heżekija feraħ bihom u wriehom id-dar tat-teżor, il-fidda u d-deheb, il-fwejjaħ
u ż-żejt fin, l-armerija u kulma kien jinsab fl-imħażen tiegħu; ma kien hemm xejn
f’daru u f’saltnatu, li Heżekija ma wrihomlhomx.


© 2020 Malta Bible Society.

3U l-profeta Isaija ġie għand Ħeżekija u qallu: "X'qalulek dawk in-nies? Mnejn
ġew għandek?" U Ħeżekija wieġbu: "Minn art imbiegħda, ġew għandi minn
Babilonja."

4U qallu: "X'raw fil-palazz tiegħek?" U Ħeżekija wieġbu: "Raw kulma jinsab fil-
palazz tiegħi; ma kien hemm xejn fl-imħażen tiegħi li ma wrejthulhomx."

5U Isaija wieġeb lil Ħeżekija: "Isma' l-kelma tal-Mulej tal-eżerċti:

6'Ara, għad jiġi żmien li jinġarr f'Babilonja kulma jinsab f'darek u kulma ħażnu
s'issa missirijietek! Ma jifdal xejn. Il-kelma tal-Mulej.

7U minn fost uliedek li għad joħorġu minnek, li int għad tnissel, jittieħdu u jkunu
ewnuki fil-palazz tas-sultan ta' Babilonja."

8U Ħeżekija qal lil Isaija: "Sewwa l-kelma tal-Mulej, li għedt." Għax ħaseb:
"Għallinqas fi żmieni jkun hemm is-sliem u s-sigurtà."

## Isaija 40

### It-Tieni Parti: Kap 40 sa 55

***(Fi tmiem l-Eżilju, 539-538 QK)***

**Ktieb il-Faraġ**

1"Farrġu, farrġu l-poplu tiegħi," jgħid Alla tagħkom.

2Kellmu lil qalb Ġerusalemm u għidulha li ntemm il-jasar tagħha, tħallset
ħżunitha, ħadet mingħand il-Mulej darbtejn għal dnubietha kollha.

3Leħen jgħajjat: "Hejju t-triq għall-Mulej fid-deżert, wittu għal Alla tagħna
mogħdija fix-xagħri.

4Jintradam kull wied, u jitniżżlu l-muntanji u l-għoljiet; kull art imħabbta titwitta
kull art imħarbta ssir maqgħad.

5U tfiġġ il-glorja tal-Mulej, u l-bnedmin jarawha lkoll f'daqqa, għax fomm il-Mulej
tkellem."

6U leħen qal: "Għajjat." U jien weġibt: 'X'ngħajjat?" Għid: "Kull bniedem ħaxix, u
sbuħitu bħal ward ir-raba';

7jinxef il-ħaxix, jidbiel il-ward, meta minn fuqhom jgħaddi nifs il-Mulej.

- Bħal ħaxix il-poplu -

8Il-ħaxix jinxef, u l-ward jidbiel, iżda l-kelma tal-Mulej tibqa' għal dejjem."

9Itla' fuq il-muntanja għolja, int li ġġib il-bxara t-tajba lil Sijon; għolli leħnek bil-
qawwa kollha, int li tagħti l-aħbar it-tajba lil Ġerusalemm; għajjat, la tibżax. Għid
lill-ibliet ta' Ġuda: "Hawn hu Alla tagħkom!"

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

10 Hawn hu Sidi l-Mulej, li ġej bil-qawwa, u jaħkem bil-qawwa ta' drieghu. Hawn hu bi ħlasu miegħu, u r-rebħa tiegħu quddiemu.

11 Bħal ragħaj li jirgħa l-merħla tiegħu; bi driegħu jiġmagħha, u l-ħrief fi ħdanu jerfagħhom; u n-nagħaġ ireddgħu bil-mod imexxihom.

### Il-kobor ta' Alla ta' Iżrael

12 Min kejjel il-baħar f'qiegħ idu, jew qies bix-xiber il-wisa' tas-sema? Min ġabar it-trab tal-art ġo kejla, jew wiżen bi stasija l-muntanji, u b'miżien l-għoljiet?

13 Min mexxa l-ispirtu tal-Mulej, x'kunsillier kellu biex jgħallmu?

14 Lil min talab parir biex jiftaħlu għajnejh; jew min għallmu jġib ruħu bil-ġustizzja, biex jagħtih id-dawl u l-għerf, u jqabbdu t-triq tal-għaqal?

15 Ara, il-ġnus bħal qatra waħda minn barmil ilma, bħal għabra trab f'miżien, hekk qishom! Ara, ix-xtut ma jiżnux aktar minn traba.

16 Is-siġar tal-Libanu mhumiex biżżejjed biex bihom tqabbad in-nar; anqas il-bhejjem tiegħu mhuma biżżejjed biex toffri lil Alla sagrifiċċju tal-ħruq.

17 Il-ġnus kollha qishom xejn quddiemu: huma għalih ħwejjeġ fiergħa u battala.

18 Ma' min se jxebbhu lil Alla, u liema xbieha se tqabblu miegħu?

19 L-idolu jdewbu bin is-sengħa, u jindurah ħaddiem id-deheb, u jsensillu ħjut tal-fidda.

20 Xi ħadd fqajjar li ma għandux x'joffri, jagħżel xi għuda li ma ssewwisx, ifittex xi ħaddiem jinqala', biex jagħmillu xbieha ma titħarrikx.

21 Ma tafux? Ma smajtux jaqaw? Ma tħabbrilkomx sa mill-bidu? Ma fhimtux? Min waqqaf l-art?

22 Hu jgħammar 'il fuq minn ħnejjet l-art, u min jgħammar fiha qishom ġradijiet. Hu jħoll is-smewwiet bħal xoqqa, u jifrixhom bħal għarix biex tgħammar fih.

23 Hu jġib fix-xejn is-setgħanin, u l-mexxejja tad-dinja jagħmilhom xejn.

24 Bilkemm jitħawlu, bilkemm jinżergħu, bilkemm jinbtu u jxenxlu l-għeruq, li ma jonfoħx fuqhom u jinxfu, li r-riefnu ma jġorrhomx bħall-karfa.

25 "Ma' min ixxebbhuni jew tqabbluni?" jistaqsi l-Qaddis.

26 Erfgħu għajnejkom 'il fuq u araw: min ħalaqhom dawn il-ħlejjaq kollha? Imexxi u jgħodd l-eżerċti tiegħu, u jsejħilhom b'isimhom wieħed wieħed. Bis-saħħa ta' qawwietu, bil-qawwa ta' setegħtu, ħadd minnhom ma jonqos.

27 Għaliex titkellem Ġakobb, u int, Iżrael, tgħid: "Triqti moħbija mill-Mulej, u mwarrab il-jedd tiegħi minn Alla?"

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

28Jaqaw ma tafx, lanqas ma smajt: "Il-Mulej hu Alla ta' dejjem, il-ħallieq ta' truf l-art?" Ma jegħja qatt, u ma jinkeddx, l-għerf tiegħu ma ssibx tarfu.

29Hu li jagħti l-qawwa lill-għajjien, u jkattar il-qawwa lil min hu bla saħħa.

30Jintelqu ż-żgħażagħ u jegħjew, fl-aħjar tagħhom jogħtru l-irġiel.

31Imma dawk li jittamaw fil-Mulej jieħdu saħħithom, itellgħu l-ġwienaħ bħall-ajkli, jiġru bla ma jegħjew, jimxu bla ma jintelqu.

## Isaija 41

### Alla s-Salvatur ta' Iżrael

1Isktu quddiemi, intom xtut; u ħalli l-popli jitqawwew mill-ġdid! Ħa jersqu l-ewwel, imbagħad jitkellmu: u nersqu għall-ħaqq flimkien!

2Min qajjem mil-Lvant lil dak, li r-rebħ jiġri wara riġlejh? Irħielu l-ġnus f'idejh, biex irażżan is-slaten? Li b'sejf jagħmilhom trab, u b'qawsu karfa ttir mar-riħ?

3Jiġri warajhom, u jibqa' għaddej fis-sliem, lanqas biss b'riġlejh ma jmiss it-triq.

4Min għamlu u temmu dan? Min sejjaħ il-ġenerazzjonijiet mill-bidu? Jiena, il-Mulej, Jiena l-ewwel, u ma' tal-aħħar, jiena hu!

5Jaraw ix-xtut u jibżgħu, truf l-art jitriegħdu. Huma resqu u ġew.

6Jgħinu 'l xulxin sieħeb lil ieħor, u l-aħwa jgħidu lil xulxin: "Agħmel il-ħila!"

7Il-ħaddied jagħmel il-ħila lil tad-deheb; min jaħfi bil-martell lil min iħabbat fuq l-inkwina, u jgħidu: "Tajba s-saldatura." U mbagħad jissudah bl-imsiemer, biex ma jitħarrikx.

8Imma int Iżrael, il-qaddej tiegħi, Ġakobb, jien ħtartek, nisel Abraham, ħabibi.

9Lilek jien qbadtek minn truf l-art, u sejjaħtlek minn l-ibgħad inħawi tagħha, u għedtlek: "Int il-qaddej tiegħi, jiena ħtartek, u ma rmejtikx."

10La tibżax, għax miegħek jien! La titħassibx, għax Alla tiegħek jien! Jiena nwettqek, jiena ngħinek; inwieżnek bil-leminija rebbieħa tiegħi!

11Ara, għad jistħu u jitriegħxu, dawk kollha li nkurlaw għalik; jiġu fix-xejn u jintemmu n-nies li jħaqquha miegħek.

12Tfittixhom u ma ssibhomx, in-nies li jeħduha miegħek; jiġu fix-xejn u jintemmu n-nies li jitqabdu miegħek.

13Jiena l-Mulej, Alla tiegħek, inwieżnek minn idek il-leminija, u ngħidlek: "La tibżax, jiena l-għajnuna tiegħek."

14Tibżax, Ġakobb, daqsxejn ta' dudu fl-art, intom, bnedmin ta' Iżrael! Jiena l-għajnuna tiegħek, oraklu tal-Mulej, il-feddej tiegħek, il-Qaddis ta' Iżrael!


© 2020 Malta Bible Society.

[15]Arani! Jien nagħmel minnek romblu tad-dris ġdid, jaqta' u kollu snien. Int
tidres il-muntanji u tfarrakhom, u l-għoljiet tagħmilhom tlief;

[16]int idderrihom u r-riħ iġorrhom, u r-riefnu jxerridhom. Imbagħad int tifraħ fil-
Mulej, u tiftaħar bil-Qaddis ta' Iżrael.

[17]Il-foqra u l-imsejknin ifittxu l-ilma u ma jsibux! Ilsienhom niexef bil-għatx.
Jiena, il-Mulej, nismagħhom, Jiena, Alla ta' Iżrael, ma ninsihomx.

[18]Xmajjar ta' ilma nfawwar fuq l-għoljiet għerja, u għejun f'nofs il-widien. Nibdel
id-deżert f'għadira ilma, u l-art niexfa f'għejun ta' ilma.

[19]Inxettel iċ-ċedri fid-deżert, il-gazzi, u r-riħan, u s-siġar taż-żebbuġ; intella' ċ-
ċipress fix-xagħri, u magħhom id-dolf u l-bux;

[20]biex hekk jaraw u jagħrfu, jaħsbu u jifhmu wkoll, li id il-Mulej għamlet dan, u
l-Qaddis ta' Iżrael ħalqu.

[21]"Ressqu l-kawża tagħkom," jgħid il-Mulej, "Ġibu l-provi tagħkom," jgħid is-
sultan ta' Ġakobb.

[22]Ħa jersqu u jgħarrfuna x'se jiġri; jgħidulna l-imgħoddi x'kien, biex aħna naħsbu
fuqu. Jew semmgħuna l-ġejjieni sabiex nagħrfu t-tmiem.

[23]Għidulna x'se jiġri fl-aħħar, u nkunu nafu jekk intomx allat. Agħmlu xi ħaġa,
tajba jew ħażina, u aħna nistagħġbu u nibżgħu fl-istess waqt.

[24]M'intom xejn u xogħolkom ħrafa; mistmerr hu min jaħtarkom.

[25]Jien qajjimt bniedem mit-Tramuntana u hu ġej; sejjaħtlu b'ismu minn tlugħ ix-
xemx: u jgħaffeġ il-ħakkiema bħalma jgħaffġu t-tajn, bħalma l-fuħħari jgħaffeġ
it-tafal taħt saqajh.

[26]Min qatt ħabbar sa mill-bidu, biex aħna nkunu nafu? Sa minn qabel, biex
ngħidu: 'Veru'? Qatt ħadd ma qalu; qatt ħadd ma semmgħu; qatt ħadd ma sama'
kliemkom.

[27]Dan l-ewwel għarraftu lil Sijon; u 'l Ġerusalemm tajtha ħabbar.

[28]Jien ħarist, ma kien hemm ħadd; ħadd minnhom biex jagħti parir, biex
nistaqsihom u jwieġbu kelma.

[29]Ilkoll kemm huma mhuma xejn, xogħolhom frugħa, riħ u baħħ xbihat allathom.

## Isaija 42

### Il-Qaddej tal-Mulej

[1]Araw il-qaddej tiegħi, li jiena nwieżen, il-maħtur tiegħi li fih qalbi strieħet!
Qegħedt l-ispirtu tiegħi fuqu, biex iġib il-ġustizzja lill-ġnus.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

2Ma jgħajjatx, ma jgħollix leħnu; ma jsemmax leħnu fil-pjazez,

3qasba mġelġla ma jiksirhiex, musbieħ inemnem ma jitfihx. Iġib il-ġustizzja fis-sewwa.

4Ma jegħjiex, ma jitfarrakx, sakemm ma jwaqqafx il-ġustizzja fuq l-art; u l-gżejjer imbiegħda jistennew il-liġi tiegħu.

5Dan jgħid Alla, il-Mulej, li ħalaq u firex is-smewwiet, u l-medda tal-art bil-frott u l-ħdura tagħha, li jagħti l-ħajja lill-poplu li hemm fiha, u r-ruħ lil dawk li jgħixu fiha:

6"Jien, il-Mulej, sejjaħtlek fis-sewwa, qbadtek minn idek u ħaristek, u għamilt minnek patt tal-poplu, dawl għall-ġnus,

7biex int tiftaħ għajnejn l-għomja, toħroġ lill-ilsiera mill-ħabs, u 'l dawk li hemm fid-dlam minn dar l-għeluq.

8Jiena l-Mulej, dan hu ismi; ma nċedi lil ħadd il-glorja tiegħi; lanqas lill-idoli t-tifħir tiegħi.

9Il-ġrajjiet li tħabbru qabel, ara, veru seħħew. U jiena nħabbar ħwejjeġ ġodda, u nsemmagħhomlkom qabel ma jinbtu."

### Għanja ta' tifħir lill-Mulej

10Għannu lill-Mulej għanja ġdida; ħa jitla' minn truf l-art it-tifħir tiegħu! Ħa jsebbħuh il-baħar u kulma fih, il-gżejjer u min jgħammar fihom.

11Jerfa' leħnu d-deżert u l-ibliet tiegħu, l-irħula fejn jgħammru wlied Kedar; jgħannulu ferħana dawk li jgħammru f'Sela, jgħajtu bil-ferħ fuq qċaċet il-muntanji.

12Ħa jagħtu glorja lill-Mulej u jxandru t-tifħir tiegħu fil-gżejjer.

13Joħroġ il-Mulej bħal wieħed qawwi, u jqanqal bħal gwerrier il-ħeġġa tiegħu; jgħajjat l-għajta tal-gwerra, ħa juri kontra l-għedewwa l-qawwa tiegħu.

14Ili ħafna żmien inżomm is-skiet, qgħadt bi kwieti u trażżant. Bħal mara fl-uġigħ tal-ħlas se ngħajjat, nonfoħ u nilheġ f'nifs wieħed.

15Il-muntanji u l-għoljiet nagħmilhom ħerba, innixxfilhom ħdurithom kollha. Inbiddel ix-xmajjar f'xagħri, u nnixxef l-ilma qiegħed.

16Inmexxi lill-għomja fi triq li ma jafuhiex; mogħdijiet li ma jafuhomx inqabbadhom. Id-dlam inbiddlu f'dawl quddiemhom, it-triqat mgħawġa niddrittahom. Dan kollu nagħmlu għalihom, u qatt iżjed ma nabbandunahom.

17Iduru lura kollhom mistħija, dawk kollha li jittamaw fl-idoli, dawk li jgħidu lix-xbihat: "Intom allatna."

### Qatt ma jitgħallmu

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

18Intom torox, isimgħu! Intom għomja, ħarsu u araw!

19Min hu agħma ħlief il-qaddej tiegħi? Min hu trux bħall-messaġġier li bgħatt?
Min hu agħma bħall-maħbub tiegħi? U trux bħall-qaddej tal-Mulej?

20Jara ħafna ħwejjeġ, u ma jagħtix kas; widnejh miftuħa, iżda ma jismax.

21Għad li għoġob lill-Mulej bil-ġustizzja tiegħu li jkabbar u jsebbaħ il-liġi tiegħu,

22hu poplu misruq u mneżża'; maqbudin ilkoll fil-ħofor, magħluqin fil-ħabsijiet.
Ħatfuhom u ħadd ma ħelishom; neżżgħuhom u ħadd ma jgħajjat: Rodd!

23Min minnkom jagħti widen għal dan, u jaħseb fih u jisma' għal li ġej?

24Min kien li telaq lil Ġakobb biex jisirquh? Min telaq lil Iżrael għall-priża? Mhux
il-Mulej, għax kontrih dinbu? Ma ridux jimxu fi triqatu, u l-liġi tiegħu ma
obdewhiex.

25Għalhekk sawwab fuqu n-nar tal-korla tiegħu, u l-qilla tal-gwerra, qabdet
ħuġġieġa madwaru u ma ndunax; ikkunsmatu, u ma daħħalx f'rasu.

## Isaija 43

### Il-Mulej waħdu s-Salvatur ta' Iżrael

1Imma issa dan jgħid il-Mulej, dak li ħalqek, Ġakobb, dak li sawrek, Iżrael: "La
tibżax, għax jien fdejtek: jien sejjaħtlek b'ismek; inti tiegħi.

2Anki jekk tgħaddi mill-ilma, jiena miegħek; jekk taqsam ix-xmajjar, ma
jgħerrqukx. Anki jekk tgħaddi min-nar, ma tinħaraqx, u l-fjamma ma tibelgħekx.

3Għax jiena l-Mulej, Alla tiegħek, il-Qaddis ta' Iżrael, is-Salvatur tiegħek. Irħejt l-
Eġittu b'riskatt għalik, 'il Kus u 'l Seba minflokok.

4Għax int kont għażiż f'għajnejja, kollok ġieħ u jien ħabbejtek. Jien irħejt
bnedmin minn flokok, u popli sħaħ partatt ma' ħajtek.

5La tibżax għax jien miegħek; mil-Lvant inġib lil uliedek, mill-Punent jien
niġemgħek.

6Ngħid lit-Tramuntana: Agħtihomli, u lin-Nofsinhar: La żżommhomlix! Ġibli s-
subien mill-bogħod, 'il bnieti minn tarf l-art,

7lil kull min jissejjaħ b'ismi, lil min ħlaqt għall-glorja tiegħi, lil min sawwart u
għamilt."

8Oħroġ il-poplu agħma, għalkemm għandu għajnejh, u trux, għalkemm għandu
widnejh.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

9Ħa jinġemgħu l-ġnus ilkoll flimkien, ħa jiltaqgħu l-popli. Min minnhom jista'
jħabbar dan, u jsemmgħalna l-ġrajja tal-imgħoddi? Ħa jġibu x-xhieda u
jippruvaw u n-nies jisimgħuhom u jgħidu: Hekk hu!

10"Intom ix-xhieda tiegħi, oraklu tal-Mulej, u l-qaddej tiegħi li jiena ħtart, biex
tagħrfuni u temmnuni u tifhmu li jiena hu. Qabli qatt ma ssawwar xi alla, u lanqas
warajja qatt ma jkun hemm.

11Jiena, jiena l-Mulej, u ħliefi m'hemmx salvatur.

12Jiena ħabbart u jien salvajt. Jien semmajt, u fostkom alla barrani ma kienx
hemm. Intom ix-xhieda tiegħi," oraklu tal-Mulej. "Jiena Alla,

13sa minn dejjem jien hu. M'hemm ħadd li jeħles minn taħt idejja; min jista'
jraġġa' lura li nagħmel jien?"

14Dan jgħid il-Mulej, il-feddej tiegħek, il-Qaddis ta' Iżrael: "Minħabba fikom
nibgħat f'Babilonja u nniżżel l-iżbarri kollha, u l-Kaldin jixhru fuq l-iġfien.

15Jiena, il-Mulej, il-Qaddis tagħkom, il-ħallieq ta' Iżrael, is-sultan tagħkom."

16Dan jgħid il-Mulej, li fetaħ triq fil-baħar, mogħdija fl-ilmijiet qawwija;

17dak li ħareġ karrijiet u żwiemel, eżerċti u rġiel qalbiena f'daqqa; inxteħtu fl-
art, biex aktar ma qamux; inħlew bħal ftila, u ntfew:

18"La tiftakrux iżjed fi ġrajjiet l-imgħoddi; la taħsbux fuq dak li ġara qabel.

19Arawni, sejjer nagħmel ħaġa ġdida: feġġet issa; għadkom ma ttendejtux? Se
niftaħ triq fix-xagħri, xmajjar fid-deżert.

20Ifaħħruni l-bhejjem selvaġġi, ix-xakalli u wlied in-ngħam, għax noħroġ l-ilma
fix-xagħri, xmajjar fid-deżert, biex nisqi l-poplu tiegħi, il-maħtur tiegħi,

21il-poplu li sawwart għalija, biex ixandar it-tifħir tiegħi.

22B'danakollu, int, Ġakobb, ma sejjaħtlix, għax int xbajt minni, o Iżrael!

23Ma ġibtlix in-nagħaġ tiegħek għas-sagrifiċċju tal-ħruq, u ma weġġaħtnix bis-
sagrifiċċji tiegħek. Jien ma għabbejtekx bl-offerti, lanqas fnejtek bl-inċens.

24Ma xtrajtlix bi flusek qasab bil-fwieħa, lanqas xebbajtni bix-xaħam tal-vittmi.
Imma għabbejtni bi dnubietek, fnejtni bi ħżunitek.

25Jien, jien hu, li nħassar dnubietek minħabba fija, u li ħtijietek iżjed ma
niftakarhomx.

26Fakkarni, ħa nitħaddtuha; tkellem int u uri s-sewwa tiegħek.

27L-ewwel ma dineb missierek; u l-medjaturi tiegħek ixxewxu għalija.


© 2020 Malta Bible Society.

28Għalhekk jien kasbart il-prinċpijiet tas-santwarju, u rħejt għall-qerda lil
Ġakobb, lil Iżrael għat-tagħjir."

## Isaija 44

### Il-Mulej waħdu Alla

1U issa, isma', Ġakobb il-qaddej tiegħi, Iżrael, il-maħtur tiegħi.

2Dan jgħid il-Mulej, li għamlek, dak li sawrek sa mill-ġuf, l-għajnuna tiegħek. La
tibżax, Ġakobb, il-qaddej tiegħi; Ġesurun, li jien għażilt.

3Għax jiena nsawwab l-ilma fuq l-art għatxana, u xmajjar fuq in-niexef; hekk fuq
nislek insawwab l-ispirtu tiegħi, u l-barka tiegħi fuq uliedek.

4Jinbtu bħal ħaxix f'nofs l-ilma, bħaż-żafżâf ħdejn l-ilma ġieri.

5Min jgħid: 'jiena tal-Mulej,' u l-ieħor jissejjaħ b'isem Ġakobb, u ieħor jikteb fuq
idu: 'Tal-Mulej,' u jitlaqqam b'isem Iżrael."

6Dan jgħid il-Mulej, is-Sultan ta' Iżrael; u l-feddej tiegħek, il-Mulej tal-eżerċti:
"Jien l-ewwel u Jiena l-aħħar, u ħliefi m'hemmx alla ieħor.

7Min hu bħali? Ħa jqum jitkellem, ħa jxandru u jippruvahuli! Min qatt mill-
qedem ħabbar il-ġejjieni? Ħa jbassrilna kulma għad isir.

8La tibżgħux, la tinkwetawx: Ma ħabbartlekx u ma għarraftekx minn qabel?
Intom ix-xhieda tiegħi! Hemm xi alla ieħor għajri, jew xi blata oħra ħliefi? Jekk
hemm, ma nafx.

### Il-bluha tal-allat foloz

9Dawk li jaħdmu l-idoli kollha bla moħħ, u x-xogħol għażiż għalihom ma jiswa
xejn. Huma stess ix-xhieda: ma jarawx, ma jifhmux, imisshom jistħu.

10Min hu li jsawwar alla u jfassal xbieha tal-fondut li ma tiswa għal xejn?

11Araw, sħabu kollha jkollhom jistħu, in-nies tas-sengħa huma bnedmin. Ħa
jinġabru lkoll u jersqu 'l quddiem, jitriegħdu u jistħu lkoll flimkien.

12Il-ħaddied jixħet il-ħadid fil-forġa, jagħtih sura bil-martell, u jirfinah
b'qawwiet driegħu. Jieħdu l-ġuħ, tonqsu s-saħħa; u jekk ma jixrobx ilma jħossu
mifni.

13Il-mastrudaxxa jiġbed il-ħajt, u jħożżu bil-ġibs aħmar; jonqxu bl-iskalpell, u
jkejlu bil-kumpass; jagħmel xbieha ta' bniedem, bħal raġel sabiħ biex jgħammar
f'dar.

14Imur jaqta' l-injam taċ-ċedru, jieħu xi biċċa tal-ballut jew ruvlu, li jikber
b'saħħtu fil-foresta, jew iħawwel l-arżnu li x-xita tkabbar.


© 2020 Malta Bible Society.

15Dan kollu jservi l-bniedem għat-tkebbis tan-nar: biċċa minnu jieħdu għas-
sħana, b'oħra jqabbad il-forn ħa jaħmi l-ħobż, u l-bqija biex jagħmel xi alla ħa
jqimu; jagħmel xi xbieha u jmil quddiemha.

16Nofsu jaħarqu fin-nar, u fuq il-ġamar jixwi l-laħam, u jiekol ix-xiwi u jixba',
imbagħad jissaħħan u jgħid: "Issa sħant, qiegħed inħoss in-nar!"

17Mill-fdal imbagħad jagħmel xi alla, ix-xbieha mnaqqxa tiegħu. Imil quddiemu
u jadurah, jitolbu u jgħidlu: "Eħlisni, int alla tiegħi."

18Dawn in-nies ma jafux u ma jifhmux, għajnejhom għammdilhom li ma jarawx;
qalbhom għalqilhom li ma tifhimx.

19Ħadd ma jdaħħal f'qalbu; u la jagħraf u lanqas jifhem, u jgħid: "B'nofs il-ħatab
kebbist in-nar, fuq il-ġamar ħmejt il-ħobż; xwejt il-laħam u kilt minnu. Se
nagħmel issa minn fdalu ħaġa mistkerrha, u ninżel jien inqim iz-zokk ta' siġra?"

20Bl-irmied jitpaxxa, qalbu mogħwija tellfitu t-triq; ma jistax jeħles u jgħid:
"Jaqaw mhix gidba li għandi f'leminti?"

### Il-Mulej il-Feddej ta' Iżrael

21Ftakar f'dan Ġakobb, int Iżrael, għax int il-qaddej tiegħi! Jien sawwartek, int il-
qaddej tiegħi. Iżrael, jien ma ninsiek qatt.

22Bħal sħaba neħħejtlek dnubietek, u bħal ċpar ħtijietek. Erġa' lura għal għandi,
għax jien fdejtek.

23Għannu, smewwiet, għax il-Mulej għamel dan; għajtu bil-ferħ, qigħan l-art.
Infexxu għannu, muntanji, u l-foresta b'kull siġra fiha. Għax il-Mulej feda lil
Ġakobb, u jitfaħħar b'Iżrael.

24Dan jgħid il-Mulej, il-feddej tiegħek, li sawwartek sa mill-ġuf: "Jiena hu l-Mulej
li għamilt kollox, waħdi frixt is-smewwiet u meddejt l-art. U min kien miegħi?

25Jiena hu li nxejjen is-sinjali tas-saħħara; u noħroġ ta' boloh il-ħabbarin, li
rraġġa' lura lill-għorrief, u għerfhom nagħmlu bluha.

26Jiena hu li nwettaq kliem il-qaddej tiegħi, u ntemm il-ħsieb li jxandru l-
messaġġiera tiegħi. Jiena hu li ngħid lil Ġerusalemm: 'Għad jerġgħu jgħammru
fik'. U lill-ibliet ta' Ġuda: 'Terġgħu tinbnew', u ntella' mill-ġdid il-ħerbiet tagħha.

27Jiena hu li ngħid lil qiegħ il-baħar: 'Inxef! U nnixxef ix-xmajjar tiegħek.'

28Jiena hu li ngħid lil Ċiru: 'Int tkun ir-ragħaj tiegħi, li jtemm ix-xewqat tiegħi.' U
jgħid għal Ġerusalemm: 'Ha tinbena,' u għat-tempju: 'Ha jqiegħdu l-pedament.'"

## Isaija 45

### Il-missjoni ta' Ċiru, sultan tal-Persja

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

1Dan jgħid il-Mulej lill-midluk tiegħu, lil Ċiru li qbadt minn idu l-leminija biex
irrażżan il-ġnus quddiemu u nħoll il-ħżiem ta' ġenbejn is-slaten; niftaħ il-bibien
quddiemu u ebda bieb ma jibqa' magħluq:

2"Quddiemek nimxi jien, u l-mogħdijiet imħattba tiegħek inwittilek; inċarrat il-
bibien tal-bronż, u l-istaneg tal-ħadid inqatta'.

3Nagħtik it-teżori fid-dlam moħbija, il-ħażniet fil-moħbiet mistura, biex tkun taf
li jien il-Mulej, Alla ta' Iżrael, li sejjaħtlek b'ismek.

4Minħabba Ġakobb, il-qaddej tiegħi, u Iżrael, il-maħtur tiegħi, jien sejjaħtlek
b'ismek. Tajtek isem ta' ġieħ għad li lanqas tafni.

5Jien il-Mulej, m'hemmx ieħor ħliefi, m'hemmx Alla ieħor għajri. Jien ħażżimtek
għad li lanqas tafni,

6biex mnejn titla' x-xemx safejn tinżel, il-bnedmin jagħrfu li m'hemm ħadd ħliefi.
Jiena l-Mulej, m'hemmx ieħor ħliefi.

7Jien sawwart id-dawl u ħlaqt id-dlam; jien nagħmel ir-risq u noħloq id-deni;
jiena l-Mulej, li nagħmel dan kollu."

**Alla l-ħallieq ta' kollox**

8"Qattru, smewwiet, mill-għoli, u jraxxax is-sħab il-ġustizzja; tinfetaħ l-art u
tinbet is-salvazzjoni, u tinbet magħha l-ġustizzja. Jiena l-Mulej, jien ħlaqtha.

9Ħażin għal min jitlewwem ma' Min għamlu; bħal xaqqufa ma' min jaħdem it-
tajn! Jaqaw jgħid it-tafal lill-fuħħari: "X'inti tagħmel?" Jew inkella "xogħlok bla
fejda?"

10Ħażin għalih min jgħid lill-missier: "X'inti tnissel?" jew lil xi mara: "X'inti tiled?"

11Dan jgħid il-Mulej, il-Qaddis ta' Iżrael u Dak li sawru: "Jaqaw tridu tistaqsuni
x'ġej fuq uliedi; jew tordnawli fuq xogħol idejja?

12Jiena għamilt l-art, u ħlaqt il-bniedem fuqha. Jiena, idejja firxu s-smewwiet, u
l-qtajja' kollha tagħhom nikkmanda.

13Jiena qajjimt 'il Ċiru biex jagħmel il-ġustizzja, u wittejtlu triqatu kollha. Hu jibni
belti, u jeħles lill-ilsiera tiegħi, bla ħlas u bla għotjiet," jgħid il-Mulej tal-eżerċti.

14Dan jgħid il-Mulej: "Il-ġid tal-Eġittu u l-qligħ ta' Kus, u tas-Sabajin, nies twal,
jgħaddu għal għandek u jsiru tiegħek. Jimxu warajk u jgħaddu mxekkla, u
quddiemek jinxteħtu fl-art, u jitolbuk u jgħidulek: 'Għandek biss hemm Alla, u
m'hemmx ieħor għajru, m'hemmx Alla ħliefu.' "

15Tassew int Alla moħbi, Alla ta' Iżrael, salvatur.

16Ilkoll imtlew bil-mistħija u l-għajb, telqu lkoll flimkien imriegħxa dawk li
jsawru l-idoli.


© 2020 Malta Bible Society.

17Iżrael salva bis-saħħa tal-Mulej, b'salvazzjoni għal dejjem; qatt ma jkollkom
imniex tistħu u tiregħxu, għal dejjem ta' dejjem.

18Għax dan jgħid il-Mulej li ħalaq is-smewwiet; Hu li hu tassew Alla, li sawwar l-
art, għamilha u wettaqha, ma ħalaqhiex għall-baħħ, sawwarha biex jgħammru
fiha: "Jien hu l-Mulej, u m'hemm ħadd ħliefi!

19Ma tkellimtx bil-moħbi f'xi mkien mudlam tal-art. Ma għedtx lil nisel Ġakobb:
'Fittixni fil-baħħ.' Jiena hu l-Mulej li ngħid is-sewwa, u d-dritt inxandar."

### L-allat foloz ta' Babilonja

20"Inġemgħu, ejjew, ersqu flimkien, intom il-maħrubin mill-ġnus! M'għandhomx
għaqal dawk li jġorru l-idoli tagħhom tal-għuda, dawk li jitolbu lil Alla li ma
jsalvax.

21Xandru u ressqu l-kawża tagħkom; ħa jieħdu l-parir ta' xulxin. Min qalu dan
żmien ilu? Min xandru fi żmien il-qedem? Mhux jien il-Mulej? U ma hemm ebda
Alla ħliefi; Alla ġust u salvatur, ma hemm ħadd għajri.

22Duru lejja mill-ġdid, truf kollha tal-art, u intom tkunu salvi! għax jien hu Alla,
u ma hemm ħadd ħliefi!

23Bija nnifsi ħlift, minn fommi ħarġet il-ġustizzja, u l-kelma ma terġax lura: għax
quddiemi tiltewa kull irkoppa, bija jaħlef kull ilsien;

24għalija għad jgħidu; 'Fil-Mulej waħdu hemm il-ħaqq u l-qawwa; għandu għad
jiġu, kollhom mistħija, dawk kollha li inkurlaw għalih.

25Fil-Mulej isib il-ġustizzja u jitfaħħar in-nisel kollu ta' Iżrael.'

## Isaija 46

1Iltewa Bel, tgħawweġ Nebu! Saru xbihathom tagħbija għall-bhejjem, tagħbija
għad-dbejjeb; tagħbijietkom tagħbija għall-bhejjem mifnija.

2Tgħawġu u ltwew flimkien, ma jifilħux isalvaw lil min iġorrhom; u huma
nfushom imorru fil-jasar.

3Isimgħuni, dar Ġakobb, u l-fdal kollu ta' dar Iżrael; ġarrejtkom sa mit-twelid,
erfajtkom sa mill-ġuf.

4Sa xjuħitkom jien dejjem hu, sa meta jibjad xagħarkom nibqa' nġorrkom. Jiena
għamiltkom u jien nitgħabba bikom; u jien inġorrkom u nsalvakom.

5Ma' min se xxebbhuni u ddaqqsuni, tqabbluni bħallikieku ndaqs?

6Dawk li joħorġu d-deheb mill-ħorġa u jiżnu l-fidda bil-miżien, jikru l-arġentier
biex jagħmilhielhom alla, li mbagħad quddiemu jmilu u jqimuh wiċċhom mal-
art!

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[7]Jerfgħuh fuq l-ispallejn u jġorruh, u jqegħduh f'postu u jibqa' hemm, u minn postu ma jiċċaqlaqx. Jekk xi ħadd isejjaħlu, ma jweġibx, u minn hemmu ma jeħilsux.

[8]Ftakru f'dan u kunu rġiel; aħsbu fih, ja midinbin.

[9]Ftakru fl-ibgħad żminijiet, għax jien hu Alla, u ħadd ħliefi m'hemm. Jien Alla u m'hemm ħadd bħali.

[10]Sa mill-bidu ngħarraf it-tmiem, u sa minn qabel dak li ma seħħx, u ngħid: 'Il-ħsieb tiegħi għad iseħħ, u nagħmel kulma rrid:

[11]insejjaħ tajra tal-priża mil-Lvant, mill-art imbiegħda l-bniedem li jtemm ħsiebi. Hekk tkellimt u hekk nagħmel; hekk iddeċidejt, u nagħmel hekk.

[12]Isimgħuni intom ta' qalb iebsa, intom l-imbegħdin mis-sewwa

[13]Inqarreb il-ġustizzja tiegħi: mhijiex fil-bogħod, u s-salvazzjoni tiegħi ma tiddawwarx. U nqiegħed is-salvazzjoni f'Sijon għal Iżrael, il-foħrija tiegħi."

## Isaija 47

### Il-qerda ta' Babilonja

[1]Inżel minn hemm, oqgħod fit-trab, xbejba, bint Babilonja. Oqgħod bilqiegħda fl-art, bla tron! Bint il-Kaldin! Hadd ma jsejjaħlek iżjed 'Il-Helwa' u 'l-Għaxqana',

[2]Aqbad il-mitħna u itħan id-dqiq; neħħi l-istar minn fuqek; erfa' l-kurkar; ikxef riġlejk, aqsam ix-xmajjar.

[3]Jikxfulek għertek u jarawlek għajbek! "Jien għad nitħallas u ma neħlisha lil ħadd."

[4]Jgħid il-feddej tagħna, Jaħweh tal-eżerċti ismu, il-Qaddis ta' Iżrael.

[5]Oqgħod fi kwietek u idħol fid-dlam, bint il-Kaldin. Ma jsejħulekx aktar: "Sidt is-saltniet."

[6]Kont mgħaddab għall-poplu tiegħi; niġġist 'il wirti u rħejthom f'idejk, imma int ma wrejthomx ħniena; taqqalt il-madmad fuq ix-xjuħ kemm flaħt.

[7]U int għedt: "Jien inkun sultan għal dejjem." Ma daħħaltx f'rasek dawn il-ħwejjeġ; ma ftakartx fit-tmiem.

[8]U issa isma' dan, ja mxaħxħa fil-pjaċir, int li tgħix b'moħħok mistrieħ; int li tgħid f'qalbek: "Jiena, u ħadd ħliefi, ma normol qatt; ma nkunx bla wlied."

[9]Imma dawn it-tnejn f'jum wieħed f'daqqa għad jilħquk: telfa ta' wlied u rmulija. Għad jilħquk fil-milja tagħhom, minkejja l-kotra ta' sħarijietek, minkejja s-saħħa ta' magħmulek.


© 2020 Malta Bible Society.

10Int ittamajt fi ħżunijietek; int għedt: "Hadd ma jarani!" Qarrquk għerfek u
għaqlek, u int għedt f'qalbek: "Jiena, u ħadd ħliefi."

11Imma għad tilħqek ħsara kbira, li ma tagħrafx tegħlibha bi sħarijietek, taqa'
fuqek qerda li ma jkollokx ħila tbiegħed, tilħqek ħesrem ħerba li qatt ma tkun
bsart.

12Żomm sħiħ, mela, fil-magħmul tiegħek, fil-kotra ta' sħarijietek, li fihom stinkajt
sa minn żgħożitek. Għandhom mnejn jiswewlek; għandek mnejn tbażża' n-nies
bihom.

13Fnietek il-kotra tal-kunsillieri tiegħek! Ha jqumu issa u jgħinuk, l-għarriexa
tas-smewwiet, li jħarsu lejn il-kwiekeb, u ta' kull xahar jgħidulek x'se jkun li ġej
għalik.

14Ara, bħat-tiben jaħraqhom in-nar; ma jeħilsuhiex mis-setgħa tan-nirien. Ma
jkunx ġamar għas-sħana, ma jkunx nar li toqgħod ħdejh.

15Hekk ikunu għalik dawk li fnewk, is-saħħara li kellek sa minn żgħożitek;
kulħadd jitlaq għal rasu, ħadd ma jibqa' hemm biex jgħinek.

## Isaija 48

### L-ingratitudni ta' Iżrael

1Isimgħu dan, dar Ġakobb, intom li ġġibu isem Iżrael, intom li ħriġtu mill-
ġewwieni ta' Ġuda, intom li taħilfu b'isem il-Mulej, u tfaħħru l-isem ta' Alla ta'
Iżrael, imma mhux bis-sinċerità u lanqas bis-sewwa.

2Mill-belt qaddisa jissemmew, u fuq Alla ta' Iżrael iserrħu, Jaħweh tal-eżerċti
jismu.

3"Minn żmien il-qedem ħabbart il-ġrajjiet, ħarġu minn fommi, u jien
semmajthom, u jien għamilthom minnufih, u seħħew ilkoll.

4Għax kont naf li int rasek iebsa, għonqok għerq tal-ħadid, u ġbinek bronż.

5Sa mill-qedem ħabbarthomlok, qabel ma seħħew semmajthomlok li ma tmurx
tgħid: 'L-idolu tiegħi għamilhom, ix-xbieha minquxa u mdewba ordnathom.'

6Int smajt u rajt dan kollu, u issa ma tridx ixxandru? Minn issa 'l quddiem
insemmgħek ħwejjeġ ġodda, ħwejjeġ mistura li int ma tafhomx.

7Inħolqu issa, u mhux żmien ilu; u qabel żmienhom int ma smajtx bihom, li ma
tmurx tgħid: 'Arani, jien kont naf bihom.'

8Int qatt ma smajt, int qatt m'għaraft; lanqas qatt ma ftaħt widnejk. Kont naf li
int qarrieq, u sa mill-ġuf sejħulek: 'Xewwiex.'

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

9Minħabba f'ismi ma nżommx għadbi, u minħabba ġieħi nitrażżan għalik, biex
ma neqirdekx.

10Arani, jien saffejtek mhux bħall-fidda; ippruvajtek fil-forn tan-niket.

11Minħabba fija, minħabba fija nagħmel dan. Għax għandu jitkasbar ismi? Is-
sebħ tiegħi lil ħaddieħor ma nagħtihx."

### Il-Mulej jifdi lil Iżrael

12"Ġakobb, ismagħni, u int Iżrael, li jien sejjaħt. Jiena hu, Jiena l-ewwel, u Jiena l-
aħħar.

13Idejja sejsu l-art, u leminti firxet is-smewwiet. Jiena nsejħilhom, u huma jfeġġu
lkoll flimkien.

14Inġabru lkoll u isimgħu! Min minnhom ħabbar dan? Il-Mulej iħobbu u
hu jagħmel ir-rieda tiegħu fuq Babilonja u nisel il-Kaldin.

15Jiena, jiena tkellimt u sejjaħtlu wkoll, jiena ġibtu u nġiblu r-riżq fi triqtu.

16Ersqu lejja u isimgħu dan: Sa mill-bidu ma tkellimtx bil-moħbi, u meta seħħew
il-ġrajja jien kont hemm." U issa Sidi l-Mulej bagħat lili u l-ispirtu tiegħu.

17Dan jgħid il-Mulej, il-feddej tiegħek, il-Qaddis ta' Iżrael; "Jien hu l-Mulej, Alla
tiegħek; jien ngħallmek għall-ġid tiegħek, u nqabbdek it-triq fejn għandek timxi.

18Li kieku tajt widen għall-kmandamenti tiegħi, kien ikun bħal xmara sliemek, u
sedqek bħal mewġ tal-baħar;

19In-nisel tiegħek bħar-ramel, l-għelejjel ta' ġewwenik bħat-trab, u ismek la
jitħassar u la jinqered minn quddiemi."

20Oħorġu minn Babilonja, aħarbu mill-Kaldin. B'leħen l-għana ħabbruha, u
xandruha; xandruha sa truf l-art u għidu: "Feda l-Mulej lil Ġakobb, il-qaddej
tiegħu."

21Għaddiehom mid-deżert u ma ħadhomx l-għatx; ilma mill-blat nixxielhom,
xaqqilhom il-blat u gelglilhom l-ilma.

22Għall-ħżiena, m'hemmx sliem, jgħid il-Mulej.

## Isaija 49

### Il-Qaddej tal-Mulej: dawl għall-ġnus

1Isimgħuni, gżejjer, agħtuni widen, popli mbiegħda! Il-Mulej mill-ġuf sejjaħli,
mill-ġewwieni ta' ommi ftakar f'ismi.

2Għamilli fommi xabla misnuna, taħt id-dell ta' idu ħbieni. Għamel minni vleġġa
maħtura, fil-barżakka tiegħu ħbieni.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[3]U qalli: “Iżrael, inti l-qaddej tiegħi, bik jiena nkun imfaħħar.”

[4]U jien għedt: “Għalxejn inkeddejt, u fix-xejn ħlejt saħħti.” Imma f’idejn il-Mulej il-kawża tiegħi, u l-ħlas tiegħi għand Alla tiegħi.

[5]Issa tkellem il-Mulej, li minn ġuf ommi għamilni qaddej tiegħu, biex għandu rraġġa’ lura ’l Ġakobb, u biex Iżrael jinġabar miegħu mill-ġdid, għax jien kont imfaħħar f’għajnejn il-Mulej, u Alla tiegħi kien il-qawwa tiegħi.

[6]Hu qalli: “Tkun ħaġa żgħira wisq għalik, li inti tkun il-qaddej tiegħi, biex tqajjem it-tribù ta’ Ġakobb, u traġġa’ lura l-fdal ta’ Iżrael. Jien nagħmel minnek dawl għall-ġnus, biex is-salvazzjoni tiegħi sa truf l-art tinfirex.”

[7]Dan jgħid il-Mulej, il-feddej ta’ Iżrael, il-Qaddis tiegħu, lil wieħed imkasbar minnies, mistmerr mill-poplu, lill-qaddej tal-ħakkiema: “Is-slaten għad jaraw u jqimu, u l-prinċpijiet iqimu wiċċhom fl-art, minħabba l-Mulej li hu fidil, il-Qaddis ta’ Iżrael, Dak li ħatrek.”

### Sijon tqum mill-ġdid

[8]Dan jgħid il-Mulej: “Fiż-żmien it-tajjeb smajtek, u f’jum is-salvazzjoni għentek. Ħaristek u għamilt minnek patt mal-poplu, biex nerġa’ nqajjem l-art, u nqassam il-wirt imħarbat;

[9]biex ngħid lill-imjassrin: ‘Oħorġu!’ u lil dawk li huma fid-dlam: ‘Ejjew għad-dawl!” Huma jirgħu matul it-triq, u fuq kull għolja għerja jsibu l-mergħa tagħhom.

[10]Ma jeħodhomx il-ġuħ u anqas l-għatx, u ma tolqothomx is-sħana u lanqas ix-xemx. Għax min ħenn għalihom imexxihom, u jgħaddihom minn ħdejn għejun ta’ ilma.

[11]Minn kull muntanja nagħmel triq, u ngħolli l-mogħdijiet tiegħi.

[12]Ara, dawn jiġu mill-bogħod; ara, dawn mit-Tramuntana u l-Punent, u dawn mill-art ta’ Sinim.

[13]Għannu, o smewwiet, aqbeż bil-ferħ, o art, infexxu fl-għana, o muntanji! Għax farraġ il-Mulej lill-poplu tiegħu; u ħenn għall-imsejknin tiegħu!

[14]U Sijon kienet tgħid: ‘Ħallieni l-Mulej,’ u: ‘Sidi nsieni.’

[15]Tista’ mara tinsa t-tarbija tagħha, u ma tħennx għal bin ġufha? Imqar jekk din tinsa, jien ma ninsiek qatt!

[16]Ara! Naqqaxtek fuq kefef idejja; ħitanek dejjem quddiemi.

[17]Il-bennejja tiegħek ġejjin imgħaġġla; jitbiegħed minnek min ġarrfek u ħarbtek.

[18]Erfa’ għajnejk u ħares madwarek. Ilkoll inġabru, ġejjin lejk. Daqs kemm jien ħaj, jgħid il-Mulej, tilbishom kollha biex tiżżejjen, titħażżem bihom bħal għarusa.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[19]Għax il-ħrieb tiegħek, it-tħarbit tiegħek, u l-art imħarbta tiegħek, nerġa' ntellagħhom. Issa int djieqt għal niesek, u tbiegħdu dawk li ħarbtuk.

[20]L-ulied li inti wlidt fl-hemm għad jgħidulek f'widnejk: 'Żgħir il-post għalija; agħmilli l-wisa' fejn ngħammar.'

[21]Imbagħad int tgħid f'qalbek 'Min welidli 'l dawn, meta jien bla tfal, ħawlija, kont ilsira u mitluqa? Min rabbihomli? Ara! Jien kont bqajt waħdi minn fejn ġew dawn?'

[22]Dan jgħid Sidi l-Mulej: Arawni! Se nagħti sinjal lill-ġnus, u ngħolli l-istendard tiegħi għall-popli, u jġibu s-subien tiegħek fuq dirgħajhom, u l-bniet tiegħek iġorruhom fuq spallejhom.

[23]U jkunu s-slaten li jrabbuk, u l-irġejjen tagħhom li jreddgħuk. Imilu b'wiċċhom fl-art quddiemek, u t-trab ta' riġlejk jilagħqu. U int tkun taf li jien il-Mulej, li min jittama fija, ma jitħawwadx.

[24]Tista' tittieħed il-priża minn id il-qawwi? jew jinħelsu l-ilsiera minn id it-tirann?

[25]Għax dan jgħid il-Mulej: "Iva! Jittieħdu l-ilsiera minn id il-qawwi; il-priża tat-tirann tinħeles. U jiena stess neħodha ma' dawk li ħaduha miegħek, u jiena stess insalva lil uliedek.

[26]U 'l dawk li ħaqruk inġagħalhom jieklu laħamhom stess, u jiskru b'demmhom bħal bl-inbid ġdid. U kull bniedem ikun jaf li jien il-Mulej, il-Ħellies tiegħek, il-Feddej tiegħek, il-Qawwi ta' Ġakobb."

## Isaija 50

[1]Dan jgħid il-Mulej: "Fejn hi l-kitba tad-divorzju, li biha keċċejt lil ommkom? Jew min hu dak li jien imdejjen miegħu u li begħtkom lilu? Arawni, minħabba ħżunitkom begħtkom, u minħabba dnubietkom keċċejt lil ommkom.

[2]Għaliex meta ġejt ma kien hemm ħadd? Meta sejjaħt ma kien hemm ħadd li jwieġeb? Jaqaw idi qsaret li ma tistax tifdi? M'għandix forsi qawwa biex neħles? Arawni, b'tehdida jien innixxef il-baħar, nagħmel deżert mix-xmajjar; il-ħut irejjaħ bin-nuqqas ta' ilma, u jmut bil-għatx.

[3]Inlibbes is-smewwiet bis-swied, u bl-ixkejjer niksihom."

### L-ubbidjenza tal-Qaddej tal-Mulej

[4]Sidi l-Mulej tani lsien ta' wieħed jitgħallem, biex nagħraf ngħin lill-għajjien b'xi kelma. Ta' kull filgħodu jqajjimli 'l widinti, biex nisma' bħal wieħed jitgħallem.

[5]Sidi l-Mulej fetaħli widinti, u jiena ma webbistx rasi, ma rġajtx lura.


© 2020 Malta Bible Society.

6Tajt dahri lil dawk li kienu jsawtuni, ħaddejja lil dawk li kienu jnittfuli lħiti; ma
ħbejtx wiċċi mit-tagħjir u l-bżieq,

7Sidi l-Mulej jgħinni, għalhekk ma nitħawwadx; għalhekk għamilt wiċċi bħaż-
żnied: jien naf li ma jkollix mniex nistħi.

8Dak li jagħmel ġustizzja miegħi jinsab fil-qrib. Min se jeħodha miegħi? Ha
noqogħdu għall-ħaqq flimkien! Min hu kontrija? Ħa jersaq lejja!

9Ara, Sidi l-Mulej jgħinni: min se jagħtini t-tort? Arahom ilkoll kemm huma
jitmermru bħal libsa, u tikolhom il-kamla.

10Min minnkom jibża' mill-Mulej, ħa jisma' l-kelma tal-qaddej tiegħu. Min jimxi
fid-dlam b'ebda dawl fih, ħa jittama fil-Mulej, u jistrieħ fuq Alla tiegħu.

11Araw, intom ilkoll tkebbsu n-nar, u tqabbdu l-vleġeġ mixgħula. Imxu mela, fid-
dawl ta' narkom, qalb il-vleġeġ li qabbadtu. Dan jiġrilkom minn idejja: fl-uġigħ
għad timteddu.

## Isaija 51

### Għall-faraġ ta' Sijon

1Isimgħuni, intom li tiġru wara l-ġustizzja; intom li tfittxu lill-Mulej. Ħarsu lejn
il-blata mnejn inqtajtu, lejn il-barriera mnejn itteħidtu.

2Ħarsu lejn Abraham missierkom, u lejn Sarah li wilditkom. Meta kien waħdu
jien sejjaħtlu, u beriktu u kattartu bis-sħiħ.

3Għax il-Mulej iħenn għal Sijon; iħenn għall-ħrieb kollha tagħha. Jagħmel Għeden
mid-deżert u ġnien tal-Mulej mix-xagħri tagħha. Fiha jinsabu ferħ u hena, tifħir
u għana bid-daqq.

4"Isma' minni, poplu tiegħi, u int, ġensi, agħtini widen. Għax tagħlim joħroġ
mingħandi; u s-sewwa tiegħi jkun dawl għall-popli.

5Qorbot il-ġustizzja tiegħi; ħarġet is-salvazzjoni tiegħi. Driegħi jagħmel ħaqq
mill-popli; fija jittamaw il-gżejjer, u 'l driegħi jistennew.

6Erfgħu għajnejkom lejn is-smewwiet, u ħarsu lejn l-art hawn taħt. Is-smewwiet
jgħibu bħad-duħħan, l-art bħal-libsa titherra; u jmut bħan-nemus min jgħammar
fiha. Imma s-salvazzjoni tiegħi tibqa' għal dejjem, u l-ġustizzja tiegħi ma tonqos
qatt.

7Isimgħuni, intom li tagħrfu l-ġustizzja; poplu li għandek il-liġi tiegħi f'qalbek. La
tibżgħux mit-tagħjir tan-nies; u minn tkasbirhom la tiregħxux.

8Għax bħal biċċa drapp tikolhom il-kamla, u bħas-suf jikolhom il-wirdien. Il-
ġustizzja tiegħi tibqa' għal dejjem; u s-salvazzjoni tiegħi minn nisel għal nisel.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

9Stenbaħ, stenbaħ, xidd il-qawwa, driegħ il-Mulej! Stenbaħ bħal fi żmien il-
qedem, fiż-żminijiet li ilhom li għaddew. Mhux int kont li għamilt bċejjeċ lil
Raħab, li niffidt lid-Dragun?

10Mhux int li nixxift il-baħar, l-ilma tal-abbissi l-kbar? Mhux int li għamilt triq fl-
ibħra, biex jgħaddu l-mifdija?

11Lura jerġgħu l-mifdija tal-Mulej, u jidħlu f'Sijon b'għajjat ta' ferħ. Iroxx fuqhom
hena għal dejjem; hena u ferħ jiksbu, u jgħibu n-niket u t-tnehid!

12Jiena, jien hu li nfarraġkom! Min int biex tibża' minn bniedem li jmut? Minn bin
Adam li bħal ħaxix jitqies?

13Int insejt il-Mulej il-ħallieq tiegħek, li firex is-smewwiet, u sejjes l-art. Il-jum
kollu kont imbeżża' mill-qilla tal-oppressur. Kien ifittex li jeqirdek, imma issa
fejn hi l-qilla tiegħu?

14Il-milwi taħtha dalwaqt jinħeles, ma jmutx u ma jwaddbuhx fil-ħofra, u lanqas
ma jonqsu l-ħobż.

15Jiena hu l-Mulej Alla tiegħek, dak li jqanqal il-baħar, u jgargru l-imwieġ tiegħu,
Jaħweh tal-eżerċti jismu.

16Jien qegħedt kliemi fuq fommok, u b'dell idi għattejtek, biex frixt is-smewwiet,
u sejjist l-art, u għedt lil Sijon: "Inti l-poplu tiegħi."

17Stenbaħ! Stenbaħ! Qum Ġerusalemm! Int li xrobt il-kus ta' għadbu minn id il-
Mulej, xrobt it-tazza tal-mejt sal-qiegħ.

18Ma kellha l-ħadd li jmexxiha, minn fost l-ulied li wildet. Ma kien hemm ħadd li
joħdilha idha, minn fost uliedha li rabbiet.

19Żewġ ħsarat laħquk, min se jħenn għalik? ħerba u qerda; ġuħ u xabla. Min sa
jfarrġek?

20Uliedek mitruħa mitluqa ma' kull kantuniera, bħal għażżiela maqbuda f'xibka.
Mimlija bil-qilla tal-Mulej, bit-tehdid ta' Alla tiegħek.

21Għalhekk isma' din, imsejkna, sakrana, imma mhux bl-inbid.

22Dan jgħid sidek il-Mulej, Alla tiegħek li jaqbeż għall-poplu tiegħu: "Arani, jien
neħodlok minn idek il-kus tal-mejt; it-tazza ta' għadbi ma tixrobhiex aktar.

23U nqegħedha f'idejn dawk li ħaqruk, dawk li qalulek: 'Tgħawweġ ħa ngħaddu
minn fuqek.' U int dahrek għamiltu bħal qiegħa tal-art, u bħal triq biex jgħaddu
minnha n-nies.

## Isaija 52

### Il-ħelsien ta' Sijon mill-jasar


© 2020 Malta Bible Society.

1Stenbaħ! Stenbaħ! Xidd il-qawwa tiegħek, Sijon! Ilbes mill-isbaħ, Ġerusalemm, belt qaddisa! Fik il-pagan jew l-imniġġes ma jidħolx aktar.

2Tfarfar mit-trab, qum, ilsira Ġerusalemm, ħoll l-irbit minn għonqok, ilsira bint Sijon!

3Għax dan jgħid il-Mulej: "Kontu mibjugħa b'xejn, u mingħajr flus tinfdew."

4Għax dan jgħid sidi l-Mulej: "Niżel il-poplu tiegħi żmien ilu fl-Eġittu, biex jgħammar hemm barrani; u l-Assirja għakksitu għal xejn b'xejn.

5U issa x'se nagħmel jien hawnhekk? Oraklu tal-Mulej. Il-poplu tiegħi kien meħud bla flus, u l-ħakkiema tiegħu jiftaħru b'dan. Oraklu tal-Mulej. Ismi mkasbar kull jum.

6Għalhekk il-poplu tiegħi jagħraf ismi; jagħraf dakinhar li hu jien li kont ngħid: 'Hawn jien!"

7Kemm huma sbieħ fuq il-muntanji r-riġlejn ta' min iħabbar il-bxara, ta' min ixandar is-sliem, ta' min iħabbar ir-risq, ta' min ixandar is-salvazzjoni,

8u jgħid lil Sijon: "Alla tiegħek isaltan!" Ismagħha l-għajta! L-għassiesa tiegħek għollew leħenhom, ilkoll flimkien jgħajtu bil-ferħ, għax raw b'għajnejhom lill-Mulej rieġa' lura f'Sijon.

9Intom, ħerbiet ta' Ġerusalemm, għajtu lkoll bil-ferħ, għax farraġ il-Mulej il-poplu tiegħu, feda lil Ġerusalemm.

10Kixef il-Mulej id-driegħ tiegħu qaddis, quddiem il-ġnus kollha, u raw it-truf kollha tal-art is-salvazzjoni ta' Alla tagħna.

11Itilqu, itilqu, oħorġu minn hemm, tmissu xejn imniġġes. Oħorġu minn ġo nofsha! Tnaddfu, intom li ġġorru tagħmir il-Mulej.

12Għax intom ma toħorġux imgħaġġla, u ma titilqux qiskom maħruba, għax jimxi quddiemkom il-Mulej u warajkom Alla ta' Iżrael.

### Is-sofferenzi tal-Qaddej tal-Mulej

13Araw! il-qaddej tiegħi jsib ir-risq, jintrefa', jogħla u jkun 'il fuq minn kulħadd.

14Bħalma ħafna ndiehxu minnu,

- għax wiċċu tħassar, donnu ma kienx bniedem, u s-sura tiegħu ma kontx tqisha ta' bniedem -

15hekk għad jistagħġbu ħafna ġnus minħabba fih. Quddiemu s-slaten jagħlqu ħalqhom, għax għad jaraw ġrajja li qatt ma ssemmiet, u jifhmu dak li qatt ma semgħu bih.

## Isaija 53


© 2020 Malta Bible Society.

1Min kien jemmen dak li smajna, u f'min intwera driegħ il-Mulej?

2Bħal xitla kiber quddiemna, u bħal għerq minn art niexfa. Ebda sura ma kellu, u
ebda ġmiel biex inħarsu lejh, jew xi sura biex nitgħaxxqu bih.

3Kien imżeblaħ u mwarrab mill-bnedmin, bniedem li bata u kien jaf x'inhu l-
mard, bħal wieħed li n-nies jaħbu wiċċhom minnu, bniedem imżeblaħ, u aħna
xejn ma qisnieh.

4Iżda hu rafa' fuqu l-mard tagħna, tgħabba bin-niket tagħna. Aħna ħsibnieh bħal
wieħed ikkastigat, mitluq minn Alla u miġjub fix-xejn.

5Iżda hu kien miġruħ minħabba fi dnubietna, misħuq minħabba fi ħżunitna.
Għas-saħħa tagħna waqa' l-kastig fuqu, u bis-swat tiegħu sibna l-fejqan tagħna.

6Aħna lkoll bħal nagħaġ mitlufa, kull wieħed minna qabad triq għal rasu. U l-
Mulej xeħet fuqu l-ħażen tagħna lkoll.

7Ħaqruh, u hu qagħad għalihom bla biss ma fetaħ fommu; bħal ħaruf meħud
għall-qatla, u bħal nagħġa mbikkma f'id min iġiżżha, ma fetaħx fommu.

8Bil-forza u l-ħaqq neħħewh; u min qagħad jaħseb fuq xortih? Iva, qaċċtuh mill-
art tal-ħajjin, minħabba fi dnub il-poplu tiegħi kien midrub.

9U tawh qabar mal-ħżiena, u mal-għonja difnuh, għalkemm ma għamel ebda
deni, u minn fommu ma ħareġ ebda qerq.

10Iżda l-Mulej għoġbu jgħakksu bil-mard. Talli joffri ruħu b'sagrifiċċju ta'
riparazzjoni, huwa għad jara nisel u jtawwal jiemu; u r-rieda tal-Mulej isseħħ
bih.

11Wara t-tbatija tiegħu għad jara d-dawl, jixba' bit-tagħrif tiegħu. Il-Ġust
jiġġustifika lill-qaddej tiegħu quddiem il-kotra, u l-ħażen tagħhom jitgħabba bih
hu.

12Għalhekk nagħtih il-kotra b'sehmu, u jkollu sehem fil-priża mal-qalbenin,
għaliex hu offra ruħu għall-mewt, u kien magħdud mal-midinbin. Hu li neħħa l-
ħtijiet tal-kotra, u ndaħal għall-midinbin.

## Isaija 54

### L-imħabba tal-Mulej għal Iżrael

1Ifraħ int, mara bla tfal li ma wlidtx; infexx għanni u għajjat bil-ferħ, int li qatt ma
ħassejt uġigħ il-ħlas! Għax ħafna aktar huma wlied il-mitluqa minn ulied il-
miżżewġa, jgħid il-Mulej.

2Kabbar il-post tal-għarix tiegħek, wessa' t-tined tal-għamajjar tiegħek, tibżax
għalihom; tawwal il-ħbula tiegħek, waħħal tajjeb il-kunjardi.


© 2020 Malta Bible Society.

3Għax lejn il-lemin għad tinfirex u lejn ix-xellug, u nislek jiret il-ġnus, u fl-ibliet
mitluqa jgħammar.

4Tibżax, int ma jkollokx mniex tistħi! Tħammarx aktar wiċċek, għax għajb ma
jkollokx aktar. Int għad tinsa l-għajb ta' rmulitek, ma tiftakarx iżjed fil-mistħija
tar-romol tiegħek.

5L-għarus tiegħek il-Ħallieq tiegħek, Jaħweh tal-eżerċti jismu; il-feddej tiegħek,
il-Qaddis ta' Iżrael, 'Alla tal-art kollha' jissejjaħ.

6Iva, bħal mara mitluqa u mdejqa f'qalbha sejjaħlek il-Mulej, 'bħal mara mitluqa
f'żgħożitha,' jgħid il-Mulej Alla tiegħek.

7Għal ftit jien tlaqtek; imma bi mħabba bla qjies jien nerġa' niġbrok.

8Fis-saħna tal-korla ħbejt wiċċi għal ftit minnek; bi mħabba ta' dejjem inħenn
għalik, jgħid il-Mulej, il-Feddej tiegħek.

9Dan għalija bħal fi żmien Noè, meta ħlift li l-ilma ma jerġax jgħarraq l-art. Hekk
naħlef issa li ma nisħonx aktar għalik, u lanqas ma nċanfrek.

10Jistgħu jitħarrku l-muntanji, jitheżżu l-għoljiet, imma mħabbti minn miegħek
ma titħarrikx, u s-sliem tal-patt tiegħi ma jitheżżiżx, jgħid il-Mulej li jħenn għalik.

### Ġerusalemm il-ġdida

11"Magħkusa, imħabbta mill-irwiefen, mara bla faraġ! Jien inqiegħed il-ġebel
tiegħek bl-ifjen tajn; u l-pedamenti tiegħek biż-żaffir.

12Nagħmel l-amberżuni ta' swarek tar-rubini, u bwiebek tal-karbunkli, u d-
dawra tas-swar tal-ħaġar prezzjuż.

13Uliedek ilkoll ikunu mgħallma mill-Mulej, kbir għad ikun ġid uliedek.

14Fuq sies il-ġustizzja titwaqqaf, 'il bogħod mit-tagħkis, għax ma għandekx
imniex tibża'; u 'l bogħod mit-twerwir, għax ma jersaqx lejk.

15Jekk jaħbtu għalik, ma jkunx minni; min jaħbat għalik, jaqa' quddiemek.

16Ara, jiena ħlaqt il-ħaddied li jonfoħ fuq in-nar tal-ġamar, u joħroġ l-għodda
skont l-għan tagħha, u jiena ħlaqt il-qerried biex iħarbat.

17Ebda arma magħmula kontrik ma tiswa, u kull ilsien li jħaqqaq kontrik toħorġu
b'ħati. Din hi x-xorti tal-qaddejja tal-Mulej; mingħandi jieħdu r-raġun," oraklu
tal-Mulej.

## Isaija 55

### Maħfra għal kulħadd


© 2020 Malta Bible Society.

1“Intom li bikom l-għatx, ejjew għall-ilma; intom ukoll li m’għandkomx flus.
Ejjew, ixtru u kulu b’xejn, inbid u ħalib bla ħlas.

2Għaliex taħlu fluskom f’dak li mhuwiex ħobż, u ġidkom f’dak li ma jxebbax?
Isimgħu minni, u tieklu tajjeb, u ruħkom titpaxxa b’ikel bnin.

3Agħtuni widen u ersqu lejja, isimgħu u tieħdu r-ruħ. Nagħmel patt magħkom
għal dejjem, biex iseħħu l-favuri mwiegħda lil David.

4Ara, jien qegħedtu xhud fost il-ġnus, prinċep u leġiżlatur fuq il-popli.

5Int ġens li ma tafx bih issejjaħ; ġnus li ma jafukx jiġru lejk, minħabba fil-Mulej,
Alla tiegħek, il-Qaddis ta’ Iżrael, għax lilek żejjen bil-ġieħ.

6Fittxu l-Mulej sakemm tistgħu ssibuh, sejħulu sakemm hu fil-qrib!

7Ħa jħalli triqtu l-midneb, u l-bniedem il-ħażin fehmietu; ħa jerġa’ lura għand il-
Mulej u jħenn għalih, għand Alla tagħna għax hu jaħfer ħafna.

8“Il-fehmiet tiegħi mhumiex fehmietkom, u t-triqat tiegħi mhumiex triqatkom,
oraklu tal-Mulej.

9Għax daqs kemm huma ogħla s-smewwiet mill-art, daqshekk ieħor huma triqati
’l fuq minn triqatkom, u l-fehmiet tiegħi mill-fehmiet tagħkom.

10Bħalma x-xita u s-silġ jinżlu mis-smewwiet, u ma jerġgħux lura mnejn ġew bla
ma jsaqqu l-art, imma jġegħluha tnissel u tnibbet, u tagħti ż-żerriegħa ’l min
jiżra’ u l-ħobż ’il min jiekol,

11hekk jiġri minn kelmti: hija toħroġ minn fommi, u ma terġax lura vojta, imma
tagħmel dak li jogħġob lili, u ttemm dak li nkun bgħattha tagħmel.

12Iva, bil-ferħ għad toħorġu, u bis-sliem titwasslu. Quddiemkom f’għajjat ta’ ferħ
jinfexxu l-muntanji u l-għoljiet, u ċċapċap idejha kull siġra tar-raba’.

13Minflok ix-xewk jitla’ ċ-ċipress, minflok l-għollieq ir-riħan. Dan ikun għall-
glorja tal-Mulej, sinjal għal dejjem li ma jitħassar qatt.”

## Isaija 56

### It-Tielet Parti: Kap 56 sa 66

### Qtigħ il-qalb u s-salvazzjoni

1Dan jgħid il-Mulej: “Żommu s-sewwa u agħmlu l-ġustizzja, għax is-salvazzjoni
tiegħi għoddha waslet, u l-ġustizzja tiegħi dalwaqt tfeġġ.”

2Hieni r-raġel li jagħmel dan, u l-bniedem li jżomm sħiħ fih, iħares is-Sibt u ma
jiksrux, u jżomm idu ’l bogħod mill-għemil ħażin.”


© 2020 Malta Bible Society.

3U ma jgħidx il-frustier li jintrabat mal-Mulej: "Se jifridni l-Mulej mill-poplu
tiegħu." Ma jgħidx l-ewnuku: "Arawni, jiena siġra niexfa!"

4Għax dan jgħid il-Mulej: "Għall-ewnuki li jħarsu Sibtijieti, u jagħżlu dak li
jogħġob lili, u jżomm sħiħ fil-patt tiegħi,

5jiena nagħtihom f'dari u swari, nagħtihom monument u isem, xi ħaġa aħjar
minn subien u bniet; nagħtihom isem għal dejjem, li ma jitħassar qatt.

6Ulied il-frustier li ntrabtu mal-Mulej biex jaqduh, u biex iħobbu isem il-Mulej, u
jkunu qaddejja tiegħu, kull min iħares is-Sibt u ma jiksrux u jżomm sħiħ fil-patt
tiegħi,

7lil dawn inwassalhom sal-muntanja mqaddsa tiegħi, u nferraħhom f'dar it-talb
tiegħi; il-vittmi maħruqa u s-sagrifiċċji tagħhom ikunu jogħġbuni telgħin minn
fuq l-artal tiegħi, għax dari 'dar it-talb' tissejjaħ għall-popli kollha.

8Oraklu ta' Sidi l-Mulej, li jiġbor l-imxerrdin ta' Iżrael; "Nissokta niġbor l-
itturufnati tiegħu flimkien ma' dawk li diġà ġbart."

### Il-kundanna tal-idolatrija ta' Iżrael

9Intom bhejjem tar-raba', ejjew kulu, intom bhejjem tal-foresta.

10L-għassiesa tal-poplu tiegħi, ilkoll għomja, ma jintebħu b'xejn; ilkoll klieb muti,
ma jistgħux jinbħu. Jimteddu u joħolmu, ħsiebhom biex jorqdu.

11Huma klieb rgħiba, ma jixbgħu qatt. Dawn huma r-rgħajja, li ma jafux jaħsbu.
Qabdu triqthom ilkoll, kulħadd jaħseb għal rasu.

12Ejjew ħa nġibu l-inbid, u niskru bix-xorb qawwi. Għada jkun bħal-lum, anzi
aħjar, u ħafna aħjar."

## Isaija 57

1Il-ġust jinqered, imma ħadd ma jħoss għalih. In-nies twajba jinġabru, iżda ħadd
ma jagħti kas. Iva, il-ġust jinġabar minħabba l-ħażen;

2jidħol fis-sliem, jistrieħu fuq friexu kull min jimxi dritt.

### Il-kulti moqżieża tal-fertilità

3"Imma intom, ulied is-saħħara, ersqu 'l hawn, nisel l-adultera u l-prostituta.

4B'min qegħdin tiddieħku? Kontra min qegħdin tfetthu ħalqkom, u toħorġu
lsienkom? Jaqaw m'intomx ulied id-dnub, ulied il-qerq?

5Intom tmorru b'demmkom ibaqbaq taħt il-ballut; taħt kull siġra tħaddar; toqtlu
t-trabi fil-widien, fi xquq l-irdumijiet.

6Fil-ġebel lixx tal-wied sehmek; dan, dan xortik. Lilhom sawwabt il-
libazzjonijiet, ġibt l-offerta tas-sagrifiċċju. Nista' jien noqgħod bi kwieti b'dan?

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

7Fuq muntanja għolja u wieqfa, int poġġejt friexek, u hemm fuq tlajt toffri s-sagrifiċċju.

8U wara l-bieb u l-koxox tiegħu, l-arma tiegħek dendilt. U mbiegħda minni xaqlibt il-friex u tlajt; wassajt soddtok u ftehemt magħhom, ma' dawk li ħabbejt friexhom, u lejn għerithom ħarist ċassa.

9Ersaqt lejn alla Molek biż-żejt midluka, u żidt il-fwejjaħ tiegħek. Bgħatt 'il bogħod il-messaġġiera tiegħek, sa tbaxxejt sal-Art l-Imwiet.

10Minkejja li nkeddejt bl-imġiba tiegħek, qatt ma għedt: "Qtajt qalbi!" Sibt il-qawwa għal ħajtek, għalhekk qatt ma nfnejt.

11Minn min twerwirt u bżajt, biex tħassart daqshekk, biex anqas fija biss ma ftakart, u anqas biss ma ħsibt? Mhux għax jiena bqajt sieket u għalaqt għajnejja li inti bżajt minni?"

12Jien għad inxandar is-sewwa tiegħek u għemilek, imma dawn xejn ma jiswewlek.

13Ħa jsalvawk l-idoli miġmugħa tiegħek, meta ssejħilhom. Ir-riħ għad itajjarhom u ż-żiffa ġġorrhom. Imma min jitma fija jiret l-art, u jiret il-muntanja mqaddsa tiegħi.

14U għad jgħid: "Iftħu, iftħu t-triq, wittuha! Neħħu t-tfixkil minn triq il-poplu tiegħi!"

15Għax dan jgħid min qiegħed merfugħ fl-għoli, li jgħix għal dejjem u qaddis ismu: "Jien ngħammar fl-għoli u f'post qaddis, imma l-istess jien qiegħed mal-bniedem b'qalb maqsuma u umiljat f'ruħu; biex naħji r-ruħ umiljata, inqawwi l-qalb miksura.

16Għax ma nitlewwimx għal dejjem, u lanqas ma ninkorla għalkollox; għax kieku tinfena r-ruħ quddiemi, u nifs il-ħajja li jiena ħlaqt.

17Minħabba ħżunitu għal ftit għadabt, u sawwattu u nħbejt inkurlat, imma xorta waħda baqa' miexi għal rajh fit-triq ta' qalbu.

18Jiena rajt triqatu, u rrid infejqu, immexxih u nroddlu l-faraġ, u lil dawk li jibkuh, noħolqilhom kelma frott ix-xufftejn:

19Sliem, sliem, lil kulħadd, fil-bogħod u fil-qrib, jgħid il-Mulej, infejjaqhom ilkoll.

20Imma l-ħżiena bħal baħar imqanqal, li ma jista' jsib kwiet b'xejn, u ilmijietu jqanqlu ħama u tajn.

21M'hemmx sliem għall-ħżiena," jgħid Alla tiegħi.

## Isaija 58

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

### Is-sawm tassew

1 Iftaħ garġik, għajjat u la tiskotx! Għolli leħnek bħal tromba! Dnubhom uri lill-
poplu tiegħi, u ħtijiethom lil dar Ġakobb!

2 Imma lili kuljum ifittxu, jixtiequ jagħrfu triqati, bħallikieku ġens li jagħmel is-
sewwa, u li ma ħalliex l-ordnijiet ġusti ta' Alla tiegħu. Jitolbuni ġudizzji fis-
sewwa, jixtiequ jersqu lejn Alla:

3 'Għaliex somna u int ma ħaristx, għakkisna ruħna u int ma ntbaħtx?' Araw, f'jum
is-sawm tagħkom tagħmlu li tridu, u tgħakksu lill-ħaddiem tagħkom.

4 Araw, issumu bil-kwestjonijiet u l-ġlied u tidorbu bil-ponn bla ħaqq. Jekk
issumu kif qegħdin issumu issa, leħinkom ma jinstamax fl-għoli.

5 Jaqaw jien jogħġobni sawm bħal dan, jum biex bniedem jgħakkes lilu nnifsu?
Biex ibaxxi rasu bħas-simar, u jimtedd fuq ix-xkora u r-rmied? Tgħidlu int dan
sawm, jum jogħġob lill-Mulej?

6 Jaqaw mhux dan is-sawm li jiena rrid, jiġifieri, li tħoll l-irbit tal-ħażen, u tqaċċat
ix-xkiel tal-madmad, li tibgħat ħielsa l-maħqurin, u tkisser kull madmad?

7 Mhux li taqsam ħobżok ma' min hu bil-ġuħ, u ddaħħal f'darek lill-imsejken bla
saqaf? Mhux li tlibbes lil min tara għarwien, u n-nies ta' darek ma tinsihomx?

8 Imbagħad ifiġġ bħaż-żerniq id-dawl tiegħek, u malajr tagħlaqlek il-ġerħa
tiegħek. Quddiemek timxi l-ġustizzja tiegħek, u l-glorja tal-Mulej timxi warajk.

9 Jekk biss issejjaħlu, iwieġeb il-Mulej; jekk tgħajjatlu, jgħidlek 'Hawn jien'. Jekk
tneħħi minn nofsok il-moħqrija, ma tmiddx subgħek u ma tagħmilx deni
b'ilsienek,

10 jekk int qalbek toħroġ għall-imġewwaħ, u xxabba' qalb l-imnikket, imbagħad
id-dawl tiegħek ifiġġ fid-dlam, u s-swied tiegħek ikun bħan-nofsinhar.

11 U l-Mulej jibqa' jmexxik għal dejjem, u jxebbagħlek qalbek fl-imkejjen niexfa, u
jsaħħaħlek għadmek. Int tkun bħal ġnien bis-saqwi, bħal għajn ta' ilma ma
jonqos qatt.

12 U jerġgħu jibnuk mill-ħerbiet tal-qedem, mill-ġdid int tibni s-sisien ta'
ġenerazzjonijiet sħaħ. U jsejħulek: 'Bennej tas-swar imġarrfa, li jġedded it-toroq
fejn wieħed joqgħod'.

13 Jekk int ma tixħetx is-Sibt taħt riġlejk, billi tagħmel li jogħġbok fil-jum
imqaddes tiegħi; jekk issejjaħ is-Sibt l-għaxqa tiegħek, u l-jum qaddis u
mweġġaħ mill-Mulej; jekk tagħtih ġieħ billi fih ma tagħmilx ix-xogħol ta' kuljum,
u ma tfittixx in-negozju u t-tlablib fieragħ,

14 imbagħad issib l-għaxqa tiegħek fil-Mulej, u jiena ntellgħek fuq għoljiet l-art. U
nxebbgħek b'wirt Ġakobb, missierek. Għax fomm il-Mulej tkellem."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

# Isaija 59

### Il-ħażen nazzjonali

1Araw, id il-Mulej ma qsaritx li ma ssalvax, lanqas widnejh ma tqalu biex
jisimgħu.

2Imma ħżunijietkom firdukom minn Alla tagħkom, u dnubietkom ħbewlu wiċċu
minnkom, biex ma jismagħkomx.

3Għax wiċċ idejkom imċappas bid-demm, u subgħajkom bil-ħażen. Xufftejkom
jgħidu l-gideb, u lsienkom itaqtaq il-qerq.

4Hadd ma jagħmel kawża għall-ġustizzja; ħadd ma jiddefendi s-sewwa. Jittamaw
fix-xejn u jlissnu l-gideb; inisslu l-ħażen u jildu d-deni.

5Ifaqqsu bajd is-sriep, u jinsġu għanqbut il-brimb. Min jiekol mill-bajd tagħhom
imut; u jekk tkisser waħda minnhom tfaqqas lifgħa.

6L-għanqbut tagħhom ma jlibbisx, u b'xogħolhom in-nies ma jilbsux għax
xogħolhom xogħol il-ħażen, u għemil il-vjolenza għemil idejhom.

7Riġlejhom imgħaġġla għad-deni, u ħfief biex ixerrdu d-demm bla ħtija.
Hsibijiethom ħsibijiet il-ħażen, qerda u ħerba hemm fi triqathom.

8Triq is-sliem ma jafuhiex, u ma hemmx id-dritt f'mixjiethom. Għawġu
mogħdijiethom, u min jgħaddi minnhom ma jafx bi sliem.

9Għalhekk tbiegħed is-sewwa minna, u l-ġustizzja ma taslilniex. Stennejna d-
dawl, u sibna d-dlam; stennejna d-dija, u dħalna fis-swied.

10Bħal għomja mal-ħajt inteftfu, inteftfu bħan-nies mingħajr għajnejn. Nitfixklu
f'nofsinhar bħal filgħaxija u fl-aqwa tagħna qisna mejtin.

11Ilkoll ingargru bħall-orsijiet, u ngorru dejjem bħall-ħamiem. Nistennew il-
ġustizzja, u ma ssibhiex; nistennew is-salvazzjoni, u din titbiegħed minna.

12Għax dnubietna kotru quddiemek; u ħtijietna jixhdu kontrina. Għax dnubietna
magħna, u ħżunijietna nafuhom:

13nidinbu u niċħdu lill-Mulej, u nerġgħu lura minn wara Alla tagħna; naħqru u
nxewxu, kliem il-gideb minn qalbna llissnu.

14Twarrab is-sewwa, u l-ġustizzja baqgħet 'il bogħod. Is-sinċerità tfixklet fil-
pjazza, u l-onestà ma tistax tidħol.

15Għabet is-sinċerità, u min jitbiegħed mill-ħażen jisirquh. Il-Mulej ra dan u
ddispjaċieh, għax is-sewwa ma kienx hemm.

16U ra li ma kien hemm ħadd, u stagħġeb li ħadd ma ndaħal. Il-qawwa ta' driegħu
għenitu, u s-sewwa tiegħu wieżnu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

17Libes il-ġustizzja bħal kurazza, u l-elmu tas-salvazzjoni f'rasu. Libes il-ħwejjeġ
tal-vendetta, u tgħatta bil-mantar tal-ħeġġa.

18Skont għemilhom iħallashom; saħna kontra l-avversarji tiegħu, u ħlas għall-
għedewwa tiegħu, u jagħtihom ħaqqhom lill-artijiet tax-xtut.

19U jaraw mill-Punent isem il-Mulej, u minn tlugħ ix-xemx il-glorja tiegħu. Għax
tiġi bħal xmara mfawra, misjuqa b'nifs il-Mulej.

20U feddej jiġi għal Sijon, u għal nies Ġakobb li jħallu dnubhom, oraklu tal-Mulej.

21"Dan hu l-patt tiegħi magħhom, jgħid il-Mulej: L-ispirtu tiegħi li hemm fik u
kliemi li qegħedt f'fommok, ma jitbegħdux minn fommok jew minn fomm
uliedek, u wlied uliedek, minn issa u għal dejjem," jgħid il-Mulej.

# Isaija 60

### Il-glorja ta' Sijon

1Qum! Ha jiddi wiċċek! Id-dawl tiegħek wasal! Jiddi fuqek sebħ il-Mulej!

2Ara d-dlamijiet jiksu l-art, u sħab iswed il-popli: iżda fuqek jiddi l-Mulej, u sebħu
jfiġġ fuqek.

3Il-ġnus għad jimxu fid-dawl tiegħek, u s-slaten fid-dija ta' sbiħek.

4Għolli u dawwar għajnejk madwarek u ara: ilkoll miġbura ġejjin għandek.
Uliedek ġejjin mill-bogħod, u bnietek iġorruhom fuq id-dirgħajn.

5Imbagħad tħares u wiċċek jiddi, u tħabbat u timtela qalbek, għax fuqek taqa' l-
kotra tal-ġid tal-ibħra, u l-għana tal-ġnus jiġi għandek.

6Imrieħel ta' iġmla għad jgħattuk, l-iġmla żgħar ta' Midjan u Għefa; ilkoll minn
Saba jiġu, mgħobbija bid-deheb u l-inċens, u jxandru t-tifħir tal-Mulej.

7L-imrieħel kollha ta' Kedar jinġabru fik, u l-kbiex ta' Nebajot jaqduk:
jilqgħuhom u joffruhom fuq l-artal tiegħi, u jiena nsebbaħ dar il-kobor tiegħi.

8Min huma dawn li bħal sħab jittajru, bħal ħamiem lejn il-bejtiet tagħhom?

9Iva, għalija jinġabru l-bastimenti tal-gżejjer, bl-iġfna ta' Tarsis quddiem nett,
biex iġibu 'l uliedek mill-bogħod, u magħhom il-fidda u dehebhom, f'ġieħ isem
Jaħweh Alla tiegħek, il-Qaddis ta' Iżrael, għax hu li sebbħek.

10U l-barranin jibnulek swarek, u jaqduk is-slaten tagħhom, għax jekk
sawwattek fil-qilla tiegħi, fil-ħniena tiegħi jien ħennejt għalik.

11U l-bibien tiegħek ikunu miftuħin dejjem, lejl u nhar ma jingħalqux, biex jiġi
għandek il-ġid tal-ġnus, u s-slaten tagħhom miexja quddiem;


© 2020 Malta Bible Society.

12għax il-ġens u s-saltna li ma taqdikx tinqered: ġnus bħal dawn jinqerdu
għalkollox.

13Ġmiel il-Libanu jiġi għandek, iċ-ċipress u ċ-ċedru u l-bux magħhom, għat-tiżjin
tat-tempju mqaddes tiegħi, u għas-sebħ ta' mirfes riġlejja.

14U jiġu għandek rashom baxxa wlied dawk li ħaqruk, u jinżlu wiċċhom fl-art
quddiemek dawk li żebilħuk, u jsejħulek: 'Belt tal-Mulej', 'Sijon tal-Qaddis ta'
Iżrael'.

15Għax kont mitluqa, u kienu jobogħduk, u ħadd ma kien jgħaddi minnek,
nagħmlek kbira għal dejjem u l-għaxqa ta' kull żmien.

16Bħal tarbija terda' ħalib il-ġnus, u titmantna minn sider is-slaten, biex tagħraf
li jien il-Mulej, is-Salvatur tiegħek, il-Feddej tiegħek, il-Qawwi ta' Ġakobb.

17Minflok il-bronż, inġiblek id-deheb; flok il-ħadid, il-fidda; flok l-injam, il-bronż;
flok il-ġebel, il-ħadid. U nagħmel is-Sliem it-tmexxija tiegħek, u l-Ġustizzja l-
ħakma tiegħek.

18Ma tinstemax aktar dnewwa f'artek, u ħerba u qerda fi trufijietek; swarek
jissejħu: 'Helsien', u bwiebek: 'Foħrija'.

19Ma ddawlekx aktar ix-xemx binhar, u lanqas jiddi għalik il-qamar billejl, għax
il-Mulej ikunlek id-dawl għal dejjem u Alla tiegħek ikun sebħek.

20Ma tinżilx aktar ix-xemx għalik u lanqas jgħib il-qamar, għax il-Mulej ikun id-
dawl tiegħek għal dejjem u jintemmu l-jiem tal-vistu tiegħek.

21Kulħadd ikun ġust fil-poplu tiegħek u jirtu l-art għal dejjem; huma xitla li jien
ħawwilt, xogħol idejja għal foħriti.

22L-iżgħar fostkom isir tribù u l-iċken isir ġens qawwi. Jien il-Mulej, li nfittex
nagħmel dan kollu f'waqtu.

## Isaija 61

### Il-bxara t-tajba għal Sijon

1L-ispirtu ta' Sidi l-Mulej fuqi, għax il-Mulej ikkonsagrani, biex inwassal il-bxara
t-tajba lill-fqajrin, bagħatni ndewwi l-qalb miksura; biex inħabbar il-ħelsien lill-
imjassrin, u lill-ħabsin il-ftuħ tal-ħabs;

2biex inniedi s-sena tal-grazzja tal-Mulej, u jum il-vendetta ta' Alla tagħna; biex
infarraġ lill-imnikktin;

3biex inferraħ lil dawk li jibku f'Sijon, nagħtihom kuruna flok irmied, żejt tal-ferħ
flok l-ilbies tal-vistu, l-għana tal-foħrija flok ruħ mitluqa. Isejħulhom ballut tas-
sewwa, imħawla mill-Mulej għal foħritu."


© 2020 Malta Bible Society.

4Mill-ġdid għad jibnu l-ħerbiet tal-qedem, itellgħu t-tiġrif tal-imgħoddi, iġeddu l-
bliet imġarrfa, meqruda minn żmien twil.

5Ikun hemm il-barranin li jirgħu l-imrieħel tagħkom, ulied il-frustiera
jaħdmulkom ir-raba', u jeħdulkom ħsieb id-dwieli.

6Lilkom isejħulkom: 'Il-Qassisin tal-Mulej', 'Qaddejja ta' Alla tagħna'
isemmukom. Tieklu l-ġid tal-ġnus, tissebbħu bil-glorja tagħhom.

7Għaliex id-doppju kien l-għajb tagħhom; mistħija u żeblieħ kien sehemhom.
Għalhekk id-doppju jirtu f'arthom, u jkollhom hena bla tmiem.

8Jien hu l-Mulej, li nħobb id-dritt, u nobgħod il-ħell u l-qerq. U jien bis-sewwa
nħallashom, u nagħmel magħhom patt għal dejjem.

9Nisilhom ikun magħruf fost il-ġnus, u wliedhom qalb il-popli. Kull min jarahom
jagħrafhom li huma nisel imbierek mill-Mulej.

10Nifraħ fuq li nifraħ bil-Mulej, taqbeż bil-ferħ ruħi b'Alla tiegħi. Għax hu libbisni
bi lbies is-salvazzjoni, bil-mantar tal-ġustizzja għattieni, bħal għarus imżejjen
b'kuruna, bħal għarusa tlellex bil-ġawhar tagħha.

11Bħalma l-art tnibbet, bħalma l-ġnien inibbet il-miżrugħ fih, hekk il-Mulej
inibbet il-ġustizzja u l-foħrija, quddiem kollha kemm huma l-ġnus.

# Isaija 62

### Sijon l-għarusa tal-Mulej

1Minħabba f'Sijon ma nehdiex, minħabba f'Ġerusalemm ma niskotx, sa ma tfeġġ
bħal dija l-ġustizzja tagħha, tħeġġeġ bħal torċa s-salvazzjoni tagħha.

2Il-ġustizzja tiegħek għad jarawha l-ġnus, u s-sebħ tiegħek jarawh is-slaten
kollha. B'isem ġdid għad isejħulek, isem li għad jagħżlu fomm il-Mulej.

3Għad tkun kuruna ta' ġmiel f'id il-Mulej, u dijadema ta' sultan f'id Alla tiegħek.

4Ma jgħidulekx aktar: 'L-Abbandunata', lanqas lil artek: 'L-Imħarbta'. Lilek għad
isejħulek: 'Għaxqti fiha', u lil artek għad jgħidulha: 'Għarusa'; għax l-għaxqa tal-
Mulej fik, u artek għad titgħarras.

5Bħalma għarus jitgħarras xebba, hekk jitgħarrsek il-Bennej tiegħek; u bħalma
l-għarus jitgħaxxaq b'għarustu, hekk jitgħaxxaq bik Alla tiegħek.

6Fuq swarek, Ġerusalemm, qegħedt l-għassiesa: lejl u nhar qatt ma jisktu. Intom
li tfakkru l-Mulej, ma hemmx mistrieħ għalikom;

7u lilu sserrħuhx sa ma jerġa' jwaqqaf lil Ġerusalemm, u jagħmilha l-foħrija tal-
art.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

8Ħalef il-Mulej b'lemintu u bid-driegħ qawwi tiegħu: "Il-qamħ tiegħek ma
naghtihx aktar b'ikel lill-għedewwa tiegħek, u l-barranin ma jixorbux l-inbid
tiegħek, li int tħabatt għalih;

9imma l-qamħ jikluh dawk li jaħsduh u jfaħħru l-Mulej, u dawk li jiġbru l-għeneb
jixorbu l-inbid fil-btieħi tat-tempju tiegħi."

10Għaddu, għaddu mill-bibien, wittu t-triq għall-poplu! Rawmu, rawmu t-triq,
naddfuha miż-żrar! Għollu sinjal għall-popli!

11Araw, il-Mulej isamma' leħnu sa truf l-art: "Għidu lil bint Sijon: Arah, ġej is-
salvatur tiegħek! Arah bil-prezz f'idu u l-ħlas quddiemu."

12U jibdew isejħulhom: 'Poplu qaddis, il-Mifdijin tal-Mulej', U lilek isejħulek: 'L-
Imfittxija', 'Il-Belt qatt abbandunata'.

# Isaija 63

### Żmien il-fidwa

1Min hu dan li ġej minn Edom, bi ħwejġu ħomor minn Bosra? Hu mżejjen bi
lbiesu, miexi fil-milja tal-qawwa tiegħi. "Jiena hu li nxandar il-ħelsien, jiena l-
qawwi biex ngħin."

2Għaliex hemm l-aħmar fi lbiesek, u ħwejġek bħal min jgħaffeġ fil-magħsar?

3"Fil-magħsar għaffiġt jien waħdi, mill-poplu ma kien hemm ħadd miegħi:
għaffiġthom fl-għadab tiegħi, sħaqthom fil-qilla tiegħi. U traxxax demmhom fuq
ħwejġi, u ħammiġt ilbiesi kollu.

4Għax kien jum ta' vendetta f'qalbi, u s-sena tal-fidwa tiegħi waslet.

5Ħarist, u ma kien hemm ħadd min jgħinni: skantajt li ma kien hemm ħadd li
jieqaf miegħi; imma għenni driegħi biex irbaħt, u waqaf miegħi l-għadab tiegħi.

6Għaffiġt il-popli f'għadbi, tħanthom fis-saħna tiegħi, u demmhom xerridt mal-
art."

### L-imħabba tal-Mulej għal Iżrael

7Irrid infakkar il-grazzji tal-Mulej, insamma' għanja ta' tifħir lill-Mulej, għal dak
kollu li għamel magħna, għax kbira kienet il-ħnientu ma' dar Iżrael; mexa
magħna skont l-imħabba tiegħu, skont it-tjieba kbira tiegħu.

8Hu qal: "Iva, huma l-poplu tiegħi, wliedi li ma jimxux wiċċ b'ieħor." U hu sar
għalihom is-Salvatur fid-dwejjaq kollha tagħhom,

9Ma kienx xi messaġġier jew xi anġlu, imma hu stess salvahom għall-imħabba u
l-ħniena tiegħu. Hu ħelishom, refagħhom, u ġarrhom dejjem fl-imgħoddi.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

10 Iżda huma ħaduha kontrih, u nikktu l-ispirtu qaddis tiegħu, u sar għadu għalihom u tqabad kontrihom.

11 U ftakru f'jiem l-imgħoddi: Mosè, il-qaddej tiegħu. Fejn hu dak li ħeles mill-baħar, ir-ragħaj tal-poplu tiegħu? Fejn hu dak li qiegħed f'nofshom, l-ispirtu qaddis tiegħu?

12 Hu li kien jimxi fuq il-leminija ta' Mosè bid-driegħ imsebbaħ tiegħu? Li feraq il-baħar quddiemhom biex jagħmel għalih isem li jibqa' għal dejjem?

13 Li mexxiehom qalb il-mewġ u ma għotrux bħal żiemel fid-deżert?

14 Bħal annimal li nieżel fil-wied, immexxi mill-ispirtu tal-Mulej, hekk int mexxejt il-poplu tiegħek biex tagħmel għalik isem glorjuż.

### Talba għall-ħniena u l-maħfra

15 Ħares mis-sema u ara, ħares mill-għamara mqaddsa u glorjuża tiegħek. Fejn hi l-ħeġġa u l-qawwa tiegħek? Fejn hi l-ħerqa u l-ħniena ta' qalbek? Tonqosx mill-ħniena tiegħek għalina.

16 Għax int, Mulej, missierna; Abraham ma jafniex, Iżrael ma jagħrafniex. Int, Mulej, missierna, ismek il-Feddej tagħna sa minn dejjem.

17 Għaliex, Mulej, iġġegħelna nwarrbu minn triqatek, u twebbsilna qalbna biex ma nibżgħux minnek? Erġa' lura, minħabba l-qaddejja tiegħek, it-tribujiet li huma wirtek.

18 Għaliex rifsu l-ħżiena fis-santwarju tiegħek, u l-għedewwa tagħna middew riġlejhom fit-tempju tiegħek?

19 Sirna bħall-ġnus li int qatt ma ħkimt fuqhom, u lanqas ismek ma jissejjaħ fuqhom. Mhux li kont iċċarrat is-smewwiet u tinżel minn hemm,

## Isaija 64

1 u jitheżżu l-muntanji quddiemek! Bħalma n-nar iqabbad il-ħatab, bħalma n-nar jgħalli l-ilma; hekk tgħarraf ismek lill-għedewwa tiegħek, u l-ġnus jitriegħdu quddiemek,

2 meta int tagħmel għeġubijiet li ma konniex nistennew, u sa mill-qedem qatt ma smajna bihom!

3 Widna qatt ma semgħet, għajn qatt ma rat Alla bħalek, Alla li jħabrek għal min jittama fih.

4 Int tilqa' lil min jagħmel is-sewwa bil-ferħ, lil dawk li jiftakru fi triqatek. Ara! Int kont mgħaddab għalina, u aħna dnibna. Domna fi dnubna, u kontrik qomna għal ħafna żmien.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

5Tniġġisna lkoll kemm aħna, bħal ċarruta maħmuġa l-aħjar għemejjel tagħna;
bħal werqa lkoll dbilna u ħżunijietna bħal riħ ġarrewna.

6Hadd ma hawn li jsejjaħ ismek, li jitħarrek biex iżomm miegħek. Għax int ħbejt
wiċċek minna, u rħejtna f'idejn ħżunijietna.

7Madankollu, Mulej, int missierna; aħna t-tafal, u inti l-fuħħari; aħna lkoll għemil
idejk.

8La tinkurlax iżżejjed, Mulej; la tiftakarx fil-ħażen tagħna għal dejjem. Ara, ħares,
aħna lkoll il-poplu tiegħek.

9Il-bliet imqaddsa tiegħek mitluqa, Sijon saret xagħra u Ġerusalemm ħerba.

10It-tempju qaddis u glorjuż tagħna, fejn missirijietna kienu jfaħħruk, maħruq
bin-nar, u kulma kellna għażiż sar ħerba.

11Quddiem dan kollu ma tiċċaqlaqx, Mulej, se tibqa' sieket u tgħakkisna sal-
aħħar?

## Isaija 65

### Il-kastig tal-midinbin idolatri

1Kont lest li jsibuni dawk li ma staqsewx għalija. Kont lest li jsibuni dawk li ma
fittxewnix. Jiena għedt: "Hawn jien! Hawn jien!" lil poplu li b'ismi ma sejjaħlix.

2Il-jum kollu ftaħt idejja lil poplu mxewwex u rasu iebsa; imxew fi triq mhux
tajba, skont kapriċċihom.

3Poplu dejjem lest biex jinbixni f'wiċċi: joffru s-sagrifiċċji fil-ġonna, u jaħarqu l-
inċens fuq ix-xaqquf.

4Imorru joqogħdu fl-oqbra, u jgħaddu l-lejl fil-moħbi. Jieklu laħam il-ħanżir, u
brodu mniġġes fil-borom tagħhom.

5Imbagħad jgħidulek: "Oqgħod għalik! La tersaqx lejja, għax jien għalik qaddis."
Dawn il-ħwejjeġ duħħan f'imnifsejja, nar imkebbes il-jum kollu.

6Araw, dan kollu miktub quddiemi: "Ma niskotx, jien inħallas, u nħallashom
f'ħoġorhom,

7għal ħżunithom u ħżunit missirijiethom, jgħid il-Mulej. Harqu l-inċens fuq il-
muntanji u żebilħuni fuq l-għoljiet. Għalhekk jien inkejjel ħlashom, u f'ħoġorhom
irroddhulhom."

8Dan jgħid il-Mulej: "Bħalma wieħed isib l-inbid f'għanqud, u jgħid: 'La teqirdux,
hemm il-barka fih', hekk nagħmel jiena minħabba l-qaddejja tiegħi, biex ma
neqridhomx ilkoll."


© 2020 Malta Bible Society.

9Jien noħroġ nisel minn Ġakobb, u minn Ġuda werriet tal-muntanji tiegħi. Jirtuhom il-maħturin tiegħi, u l-qaddejja tiegħi jgħammru hemm.

10U jkun Saron mergħa għall-imrieħel, u l-wied ta' Għakor mistrieħ għall-baqar, għall-poplu tiegħi li jfittixni.

11Imma intom li tlaqtu lill-Mulej, li nsejtu l-għolja mqaddsa tiegħi, li lestejtu mejda għal Gad, u mlejtu l-inbid għal Meni,

12jien għax-xabla kkundannajtkom, u lkoll kemm intom tmilu għall-qatla. Għax jien sejjaħtilkom, u intom ma weġibtux; tkellimt, u ma smajtux. Għamiltu l-ħażin f'għajnejja, u għażiltu dak li ma jogħġobnix."

13Għalhekk dan jgħid Sidi l-Mulej: "Araw, il-qaddejja tiegħi jieklu, imma intom tkunu bil-ġuħ;

14araw, il-qaddejja tiegħi jixorbu, imma intom tkunu bil-għatx; araw, il-qaddejja tiegħi jifirħu, imma intom tistħu; araw, il-qaddejja tiegħi jgħannu bl-hena ta' qalbhom, imma intom tgħajtu bin-niket ta' qalbkom, u tixhru bid-diqa ta' ruħkom.

15"L-isem li tħallu jisħtu bih il-magħżulin tiegħi 'Ħa joqtlok Sidi l-Mulej.' Imma l-qaddejja tiegħi b'isem ieħor jissejħu.

16Min jitbierek fuq l-art, jitbierek b'Alla tal-verità, u b'Alla tas-sewwa jaħlef min jaħlef fuq l-art, għax it-taħbit ta' qabel għadda, u għab minn quddiemi.

## Ħolqien ġdid

17Għax, arani, se noħloq smewwiet ġodda u art ġdida. Ma jitfakkarx iżjed l-imgħoddi, f'moħħ ħadd aktar ma jiġi.

18Imma għad jifirħu u jaqbżu bil-ferħ għal dejjem, minħabba f'dak li għad noħloq jien. Arani, se noħloq Ġerusalemm għall-hena, il-poplu tagħna għall-ferħ.

19Jien nifraħ b'Ġerusalemm u nitgħaxxaq bil-poplu tiegħi, ma jinstemax aktar fiha leħen il-biki, lanqas leħen in-niket.

20Ma jkunx hemm iżjed fiha tarbija li tgħix ftit jiem, lanqas xiħ li ma jimteliex bl-għomor. Għax iż-żagħżugħ imut ta' mitt sena, u ta' mitt sena jkun il-midneb meta jieħu l-kastig.

21Huma għad jibnu djarhom u jgħammru fihom, iħawlu d-dwieli u jieklu frotthom.

22Ma jibnux biex jgħammar ħaddieħor, u ma jħawlux biex jiekol ħaddieħor; għax il-poplu tiegħi jgħix daqs kemm jgħixu s-siġar, u l-magħżulin tiegħi jistgħallu xogħol idejhom.

23Ma jitħabtux għal xejn u ma jildux tfal biex jinqerdu ħesrem, għax ikunu nisel imbierek mill-Mulej, u hekk ukoll uliedhom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

24Qabel ma jsejħuli, inwieġeb; nismagħhom, meta għadhom ikellmuni.

25Il-lupu u l-ħaruf jirgħu flimkien, l-iljun, bħall-barri, jiekol it-tiben, u t-trab ikun
ikel is-serp. Ma jagħmlux deni u lanqas ħsara fuq l-għolja mqaddsa tiegħi kollha,
jgħid il-Mulej."

## Isaija 66

### Il-ġudizzju ta' Alla

1Dan jgħid il-Mulej: "Is-smewwiet it-tron tiegħi, l-art mirfes riġlejja! X'dar
tistgħu tibnuli? Fejn hu l-post tal-mistrieħ tiegħi?

2Dawn kollha idejja għamluhom, dawn kollha tiegħi! Oraklu tal-Mulej. Imma fuq
dan jien nixħet ħarsti: fuq l-imsejken u n-niedem f'qalbu, u fuq min jitriegħed
għal kelmti.

3Hawn min joqtol gendus, imbagħad jidrob bniedem; hawn min joffri n-nagħaġ,
imbagħad jifga kelb. Jagħmel l-offerti tal-qmuħ, u joffri demm il-ħanżir; jaħraq l-
inċens, u jbierek l-idoli. Dawn in-nies għażlu triqathom, u qalbhom għoġbuha
qżiżijiethom.

4Jien ukoll nagħżel l-hemm għalihom, u dak li jibżgħu minnu nixħtu fuqhom.
Għax jien sejjaħt, u ħadd ma wieġeb, tkellimt u ma semgħux. Għamlu l-ħażin
f'għajnejja u għażlu dak li ma jogħġobnix."

### It-twelid tan-Nazzjon

5Isimgħu l-kelma tal-Mulej, intom li titriegħdu għal kelmtu: "Qalu ħutkom, li
jobogħdukom, li keċċewkom minħabba ismi: 'Ha jissebbaħ il-Mulej, ħalli naraw
il-ferħ tagħkom.' Iżda huma għad jiregħxu.

6Isimgħu! Hoss ta' għagħa mill-belt, ħoss mit-tempju, ħoss il-Mulej, li jrodd il-
ħlas lill-għedewwa tiegħu!

7Qabel stess ma tkagħwġet, ħelset; qabel ma ġieha wġigħ il-ħlas, wildet iben.

8Min qatt sama' b'dan? Minn qatt ra ħaġa bħal din? Jista' pajjiż isir f'jum wieħed?
Jista' poplu jitwieled f'waqt wieħed? Iva, Sijon, malli ħasset uġigħ il-ħlas, wildet
lil uliedha!

9Jien li niftaħ il-ġuf, ma nwellidx? Jgħid il-Mulej. Jien li nwelled, nagħlaq il-ġuf?
Jgħid Alla tiegħek.

10Ifirħu lil Ġerusalemm, thennew biha, intom ilkoll ħbieb tagħha! Aqbżu bil-ferħ,
intom ilkoll li qsamtu swied il-qalb magħha,

11Hekk intom terdgħu u tixbgħu minn sider il-faraġ tagħha; terdgħu u titgħaxxqu
mis-sider mimli tagħha."


© 2020 Malta Bible Society.

12Għaliex dan jgħid il-Mulej: "Arani! Se nifrex fuqha s-sliem bħal xmara, u bħal
xmara tfur il-ġid tal-ġnus. U intom terdgħu u fuq id-dirgħajn tintrefgħu, u
jżiegħlu bikom fuq l-irkupptejn.

13Bħalma omm tfarraġ lil binha, hekk jiena nfarraġ lilkom u f'Ġerusalemm
titfarrġu.

14Taraw u tifraħ qalbkom, u għadamkom bħal ħaxix iħaddar; u jagħrfu fil-
qaddejja tiegħu id il-Mulej, u l-korla tiegħu fuq l-għedewwa tiegħu.

15Arawh! Ġej il-Mulej imdawwar bin-nar, bħal riefnu l-imriekeb tiegħu, u
jferragħ għadbu fis-saħna tiegħu, u jheddu bl-ilsna tan-nar.

16Għax bin-nar il-Mulej mill-art kollha jagħmel il-ħaqq, bix-xabla tiegħu minn
kull bniedem; kotra kbira joqtol il-Mulej.

17Dawk li jitqaddsu u jitnaddfu, u jmorru fil-ġonna wara xulxin fid-dawra tas-
sħarijiet, dawk li jieklu l-laħam tal-ħanżir, il-qżiżijiet u l-ġrieden, ilkoll jintemmu
f'daqqa, oraklu tal-Mulej.

18Jiena naf b'għemilhom u fehmithom; għad niġi niġbor il-ġnus kollha, u l-popli
ta' kull ilsien; dawn jiġu u jaraw is-sebħ tiegħi.

19Jiena ngħolli għalihom sinjal, u nibgħat lil xi wħud mill-fdal ta' Iżrael għand il-
ġnus, f'Tarsis, Put, Lud, u Mesek, Ros, Tubal u Ġawan, u lejn ix-xtut imbiegħda li
qatt ma semgħu bija, u qatt ma raw is-sebħ tiegħi, u huma jxandru s-sebħ tiegħi
qalb il-ġnus.

20U jġibu lil ħutkom kollha minn kull ġens, bħala offerta lill-Mulej; iġibuhom fuq
żwiemel u karrijiet, fuq suġġetti u bgħula u iġmla, għal fuq il-muntanja qaddisa
tiegħi, f'Ġerusalemm, jgħid il-Mulej, bħalma wlied Iżrael iġibu l-offerti tal-qmuħ
tagħhom f'ġarar indaf fit-tempju tal-Mulej.

21U lil xi wħud minnhom neħodhom b'qassisin u Leviti, jgħid il-Mulej.

22Għax bħalma jibqgħu quddiemi s-smewwiet ġodda, u l-art ġdida li jiena
nagħmel, jgħid il-Mulej, hekk jibqa' nisilkom u isimkom.

23U jiġri li minn xahar għal xahar, u minn Sibt għal Sibt, kulħadd jiġi jinxteħet
quddiemi, jgħid il-Mulej.

24U meta joħorġu, jaraw l-iġsma tan-nies li xxewxu kontrija. Id-dud tagħhom ma
jmutx, lanqas jintefa n-nar tagħhom, u kulħadd jistmellhom."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

# Ġeremija

## Ġeremija 1

### Dħul

1 Il-kliem ta’ Ġeremija bin Ħilkija, mill-qassisin li kienu f’Għanatot, fl-art ta’ Benjamin.

2 Il-kelma tal-Mulej ġietu fi żmien Ġosija bin Amon, sultan ta’ Ġuda, fis-sena tlittax tas-saltna tiegħu;

3 ġietu wkoll fi żmien Ġeħojakim bin Ġosija, sultan ta’ Ġuda, sa tmiem is-sena ħdax tas-saltna ta’ Sedekija bin Ġosija, sultan ta’ Ġuda, sa meta n-nies ta’ Ġerusalemm ġew eżiljati, fil-ħames xahar.

### Is-sejħa ta’ Ġeremija

4 U ġietni l-kelma tal-Mulej u qalli:

5 “Qabel ma sawwartek fil-ġuf, għaraftek; qabel ma ħriġt minn ħdan ommok, ikkonsagrajtek. Jien qegħedtek profeta fuq il-ġnus.”

6 Jien weġibt: “Ah, Sidi Mulej, ma nafx nitkellem, għadni żgħir.”

7 U l-Mulej weġibni: “Tgħidx, ‘Għadni żgħir’. Inti tmur kull fejn nibagħtek, u tgħid kulma nordnalek.

8 La tibżax minnhom, għax jien miegħek biex neħilsek,” oraklu tal-Mulej.

9 U l-Mulej ħareġ idu u messli fommi, u qalli l-Mulej: “Ara, qegħedtlek kliemi fuq fommok.

10 Ara, jiena llum qegħedtek fuq il-ġnus u s-saltniet, biex taqla’ u ġġarraf, biex teqred u tħott, biex tibni u tħawwel.”

11 U ġietni l-kelma tal-Mulej u qalli: “X’inti tara, Ġeremija!” Jien weġibt: “Qiegħed nara fergħa ta’ lewża.”

12 U l-Mulej weġibni: “Sewwa rajt, għax jien inħabrek biex kelmti sseħħ.”

13 U reġgħet ġietni l-kelma tal-Mulej u qalli: “X’inti tara?” U jien weġibt: “Qiegħed nara borma tagħli, u d-dehra tagħha min-naħa tat-Tramuntana.”

14 U l-Mulej weġibni: “Mit-Tramuntana tfur il-ħsara fuq dawk kollha li jgħammru f’din l-art,

15 għax, ara, jien se nsejjaħ is-saltniet kollha tat-Tramuntana, oraklu tal-Mulej. U jiġu u kull wieħed minnhom iwaqqaf it-tron tiegħu quddiem il-bibien ta’ Ġerusalemm, u quddiem is-swar tagħha dawramejt, u quddiem il-bliet kollha ta’ Ġuda.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[16]Jien se nagħmel ħaqq kontrihom għall-ħażen kollu tagħhom, għaliex huma telquni u ħarqu l-inċens lil allat oħra, u taw qima lil għemil idejhom.

[17]U int ħażżem ġenbejk, qum u għidilhom kulma nordnalek. La tibżax minnhom, għax inkella nbeżżgħek jien quddiemhom.

[18]Arani llum se nagħmel minnek belt fortizza, kolonna tal-ħadid, ħajt tal-bronż, kontra l-pajjiż kollu, kontra s-slaten ta' Ġuda, u l-prinċpijiet tiegħu, kontra l-qassisin tiegħu u l-poplu tal-pajjiż.

[19]Huma jeħduha kontrik, imma ma jagħmlulek xejn, għax jien inkun miegħek, oraklu tal-Mulej, biex neħilsek minnhom."

## Ġeremija 2

### L-infedeltà ta' Iżrael

[1]U ġietni l-kelma tal-Mulej, u qalli:

[2]"Mur u għajjat f'widnejn Ġerusalemm, u għidilha: 'Dan jgħid il-Mulej: ftakart fil-ħlewwa ta' żgħożitek, fl-imħabba tal-għerusija tiegħek, meta kont tiġri warajja fid-deżert, f'art mhux miżrugħa.

[3]Iżrael kien ikkonsagrat lill-Mulej, l-ewwel frott tiegħu; dawk kollha li kienu jieklu minnu, kienu jiġbdu fuqhom il-kastig: il-ħsara kienet taqa' fuqhom," oraklu tal-Mulej.

[4]Isimgħu l-kelma tal-Mulej, dar Ġakobb, u intom il-familji kollha tad-dar ta' Iżrael.

[5]Dan jgħid il-Mulej: "X'nuqqas sabu fija missirijietkom biex tbiegħdu minni, u mxew wara l-frugħa, u saru huma stess frugħa?

[6]Ma qalux: 'Fejn hu l-Mulej li tellagħna mill-art tal-Eġittu, li mexxiena fid-deżert, minn art niexfa u maħruqa, minn art għatxana u mudlama, minn art li minnha ħadd ma jgħaddi, u fiha ma jgħammar ħadd?

[7]Jien ġibtkom f'art qisha ġnien, biex tieklu l-frott tagħha u dduqu l-benna tagħha. Imma ġejtu u tebbajtuli arti, waqqajtuli l-wirt tiegħi f'għajb.

[8]Il-qassisin ma staqsewx: 'Fejn hu l-Mulej?' L-għorrief tal-liġi ma għarfunix; ir-rgħajja dinbu kontrija; il-profeti ħabbru f'isem Bagħal, u marru wara ħwejjeġ fiergħa.

[9]Għaliex inżid nitlewwem magħkom, oraklu tal-Mulej, u ma' wlied uliedkom.

[10]Baħħru sal-gżejjer ta' Kittim, ibagħtu staqsu f'Kedar, u araw jekk qatt saritx ħaġa bħal din.

[11]Hemm xi ġens li qatt biddel l-allat tiegħu?

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

- U dawn mhumiex allat! Iżda poplu tiegħi bidel il-glorja tiegħu max-xejn!

12Stagħġbu smewwiet b'dan, tkexkxu fuq li tkexkxu, oraklu tal-Mulej.

13Għax tnejn huma d-dnubiet tal-poplu tiegħi: telqu lili, l-għajn tal-ilma ġieri,
biex ħaffru bjar għalihom, bjar miksura li ma jżommux ilma.

14Jaqaw Iżrael xi lsir jew qaddej imwieled fid-dar? Għaliex, mela, waqa' priża,

15li għaliha jgargru frieħ l-iljuni, u jsemmgħu leħenhom? Artu għamluhielu
ħerba, blietu ħarquhomlu, u sfaw bla nies.

16Saħansitra ulied Nof u Taħfanħes iqaxxrulek rasek.

17Forsi dan ma ġralekx għax tlaqt lill-Mulej Alla tiegħek, meta kien qiegħed
imexxik fit-triq?

18U issa għalfejn trid tieħu triq l-Eġittu, biex tixrob l-ilma tan-Nil? Għalfejn trid
taqbad triq l-Assirja, biex tixrob l-ilma tal-Ewfrat?

19Il-ħażen tiegħek, il-kastig tiegħek; u ċċanfrek l-infedeltà tiegħek. Kun af u ara
kemm hu ħażin u morr, li int tlaqt il-Mulej Alla tiegħek; li ma għandekx aktar
twerwir minni, oraklu ta' Sidi l-Mulej tal-eżerċti.

20Ilu żmien issa li int kissirt il-madmad tiegħek, u ħallejt l-irbit tiegħek, u għedt:
'Ma nagħtix qima.' Għax tassew, fuq kull għolja mdaqqsa, taħt kull siġra ħadra,
inti mteddejt u żnejt,

21għad li kont ħawwiltek bħala dielja tajba, bħala żarġun mill-aħjar. Kif inbdiltli
f'siġra ħażina, dielja bagħlija?

22U jekk titnaddaf bis-soder u b'ħafna lissija, quddiemi tibqa' t-tebgħa ta'
dnubietek, oraklu ta' Sidi l-Mulej.

23Kif tista' tgħid: 'Jien ma tħammiġtx, ma ġrejtx wara l-Bagħalim'? Ara, il-passi
tiegħek fil-wied: agħraf x'għamilt! Ġemla ħafifa sserrep triqatha!

24Hmara selvaġġa mdorrija fid-deżert b'leblieba fuqha xxomm ir-riħ; min se
jżommha fis-saħna tagħha? Min ifittixha ma jitħabatx biex isibha: malajr issibha
fix-xahar tagħha!

25Hares riġlejk mill-ħafa, u griżmejk mill-għatx! Imm'int tgħid: 'Ma jimpurtax!
Jien il-barranin inħobb u warajhom irrid immur!"

26Bħalma jirgħex il-ħalliel meta jaqbduh, hekk għad jiregħxu dar Iżrael: huma,
is-slaten tagħhom u prinċpijiethom, il-qassisin u l-profeti tagħhom.

27Lil biċċa għuda jgħidulha: 'Int missieri!' u lill-ġebla: 'Int wilidtni! Għax huma
tawni daharhom, u ma tawnix wiċċhom! Imma fi żmien hemmhom jgħajtu: 'Qum
u salvana!'


© 2020 Malta Bible Society.

28Fejn huma l-allat li int għamilt? Ħa jqumu jekk għandhom ħila jsalvawk fi żmien hemmek! Għax daqs għadd blietek, allatek, ja Ġuda!

29“Għaliex toħduha miegħi? Ilkoll qomtu kontrija, oraklu tal-Mulej.

30Għalxejn jien drabt ’l uliedek, it-tagħlima ma ħaduhiex; ix-xabla tagħkom stess qerditilkom il-profeti, bħalma jeqred l-iljun il-priża.

31Ja nisel li intom, araw il-kelma tal-Mulej. Jaqaw kont jien xi deżert għal Iżrael? Jew xi art mgħargħra fid-dlam? Għax il-poplu tiegħi qalu: ‘Issa ħlisna, għandek aktar ma niġux.’

32Forsi x-xbejba tinsa l-ġawhra tagħha? jew l-għarusa l-faxxa tagħha? Imma l-poplu tiegħi nsieni għal żmien bla qjies.

33Kemm taf issibha triqtek, int u tfittex l-imħabba? Saħansitra lin-nisa ħżiena għandek ħila tgħallem triqtek.

34Sa fil-kefef ta’ lbiesek jinsab id-demm ta’ nies bla ħtija, minkejja li ma qbadthomx jisirqu.

35Imbagħad tgħid: ‘Jiena bla ħtija! Iva, il-korla tiegħu tbiegħdet minni.’ Arani, se nġibek għall-ħaqq, talli int għedt: ‘Ma dnibtx.’

36Ah! Kemm waqajt fil-baxx biex biddilt triqtek! Quddiem l-Eġittu wkoll għad tħammar wiċċek, bħalma tħammart quddiem l-Assirja!

37Minn hemm ukoll b’idejk fuq rasek għad terġa’ lura, għax il-Mulej rema ’l dawk li fihom qegħedt it-tama tiegħek; fihom ir-risq ma ssibx.

## Ġeremija 3

1“Jekk raġel ikeċċi ’l martu, u din titbiegħed minnu, u ssir il-mara ta’ raġel ieħor, jaqaw l-ewwel wieħed se jerġa’ lura lejha? Mhijiex forsi mtebbgħa din l-art? Int li żnejt ma’ ħafna ħbieb, għandek il-ħila terġa’ għal għandi? Oraklu tal-Mulej.

2Erfa’ għajnejk lejn l-għoljiet għerja, u ħares: fejn ma tbahradtx? Fit-toroq kont tkun bilqiegħda tistenniehom, bħal Għarbi fid-deżert. Int ċappast l-art biż-żina u l-ħażen tiegħek.

3Għalhekk inżammet ix-xita, u xita mwaħħra naqset ukoll. Ġbinek, ġbin ta’ mara żienja, u l-mistħija ma ridthiex.

4Mhux issa wkoll issejjaħli: ‘Missier! Int il-ħabib ta’ żgħożiti!

5Se tibqa’ mgħaddab għal dejjem u mmasħan sal-aħħar?’ Hekk titkellem, imma tibqa’ tagħmel ħażen kemm tiflaħ.”

**Ġuda, il-mara infidila**

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

6 U l-Mulej kellimni fi żmien is-sultan Ġosija: "Rajt x'għamlet Iżrael ta' rasha
iebsa? Marret fuq kull muntanja għolja u qagħdet tiżni taħt kull siġra ħadra.

7 U jien għedt: 'Wara dan kollu li għamlet għad terġa' lura għal għandi.' Imma hi
ma reġgħetx lura, u rat dan kollu oħtha Ġuda, l-infidila.

8 Rat li, minħabba l-adulterji kollha li waqgħet fihom Iżrael ta' rasha iebsa, jien
bgħattha 'l barra u tajtha l-kitba tad-divorzju. Madankollu oħtha, Ġuda l-infidila,
ma beżgħetx; telqet u żniet hi wkoll.

9 Miġbuda minn żinitha ħammġet l-art u żniet mal-ġebel u l-għewied.

10 U wara dan kollu Ġuda l-infidila ma reġgħetx lura lejja minn qalbha, imma
taparsi," oraklu tal-Mulej.

### Sejħa għall-konverżjoni

11 U l-Mulej qalli: "Iżrael, ta' rasha iebsa, ġusta aktar minn Ġuda l-infidila!

12 Mur u xandar dan il-kliem lejn it-Tramuntana u għid: 'Erġa' lura, ja Iżrael ta'
rasha iebsa, oraklu tal-Mulej. Ma nħarisx aktar b'wiċċ imqarras lejk, għax jien
ħanin, oraklu tal-Mulej. Ma nżommx il-korla għal dejjem.

13 Agħraf biss ħżunitek, għax int qomt kontra l-Mulej, Alla tiegħek, xerridt
imħabbtek mal-barranin taħt kull siġra tħaddar, u minn kliemi ma ridtx tisma'!
Oraklu tal-Mulej.

14 Erġgħu lura, ulied ribelli, oraklu tal-Mulej, għax jiena Sidkom. U neħodkom,
wieħed minn belt u tnejn minn kull familja, u ndaħħalkom f'Sijon.

15 U nagħtikom rgħajja għal qalbi, li jirgħu bl-għerf u l-għaqal.

16 Meta intom toktru u tnisslu fuq l-art f'dawk il-jiem, oraklu tal-Mulej, ħadd ma
jitkellem aktar fuq l-arka tal-patt tal-Mulej, ma jaħsibx aktar fuqha, u ma
jiftakarx fiha, ma jibkuhiex, u ma jagħmlux oħra.

17 F'dak iż-żmien isejħu 'l Ġerusalemm: 'It-tron tal-Mulej', u jinġabru fiha l-ġnus
kollha għal isem il-Mulej, u ma jimxux aktar mal-ebusija ta' qalbhom il-ħażina.

18 Dak iż-żmien tmur dar Ġuda f'dar Iżrael, u flimkien jiġu mill-art tat-
Tramuntana fl-art li jien tajt b'wirt lill missirijiethom.

19 U jien għedt: 'Kemm nixtieq inqiegħdek fost uliedi, u nagħtik art li tgħaxxaq, l-
isbaħ fost l-isbaħ wirt tal-ġnus.' Jien għedt: 'Missier issejjaħli, u minn warajja ma
twarrabx.'

20 Iżda bħalma mara tqarraq b'seħibha, hekk intom, dar Iżrael, qarraqtu bija,
oraklu tal-Mulej.

21 Fuq l-għoljiet għerja jinstama' leħen, leħen il-biki u l-krib ta' wlied Iżrael, għax
għawġu triqithom, insew lill-Mulej Alla tagħhom.


© 2020 Malta Bible Society.

22Erġgħu lura, ulied ribelli, jiena nfejjaqkom mill-ħsara tat-telfa tagħkom.'
'Arana ġejjin għandek, għax int il-Mulej Alla tagħna!

23Tassew qerq huma l-għoljiet, u t-tbahrid fuq il-muntanji. Tassew, fil-Mulej Alla
tagħna hemm is-salvazzjoni ta' Iżrael.

24L-għajb tal-allat sa minn żgħożitna kiel il-frott ta' xogħol missirijietna: l-
imrieħel tagħhom u l-baqar tagħhom, is-subien tagħhom u l-bniet tagħhom.

25Ha nimteddu fl-għajb tagħna, u ninksew bil-mistħija, għax dnibna kontra l-
Mulej Alla tagħna, aħna u missirijietna, sa minn żgħożitna sal-lum. Ma smajniex
minn kelmet il-Mulej, Alla tagħna.'

## Ġeremija 4

1Jekk trid terġa' lura, Iżrael, oraklu tal-Mulej, erġa' ejja għandi. Jekk inti twarrab
qżiżijietek minn quddiemi, ma jkollokx għalfejn titbiegħed minni;

2u jekk taħlef: 'Daqs kemm hu ħaj il-Mulej', bil-verità, bis-sewwa u bil-ġustizzja,
imbagħad jitbierku bih il-ġnus u bih jiftaħru.

3Għax dan jgħid il-Mulej lin-nies ta' Ġuda u lil Ġerusalemm: 'Aħdmu r-raba'
mitluq, u tiżirgħux qalb l-għollieq.

4Inħatnu għall-Mulej, neħħu l-ħliefa ħażina ta' qalbkom, nies ta' Ġuda, u intom li
tgħammru f'Ġerusalemm li ma toħroġx qillti bħan-nar, u tħeġġeġ bla ma jitfiha
ħadd, minħabba l-ħażen ta' għemilkom.'

### Il-qerried mit-Tramuntana: il-Kaldin

5Habbru f'Ġuda, semmgħu f'Ġerusalemm, u għidu: Doqqu t-tromba fil-pajjiż,
għajtu b'kemm għandkom ħila u għidu, 'Inġabru ħalli nidħlu fi bliet bis-swat.'

6Għollu bandiera lejn Sijon, fittxu l-kenn, la titnikkrux, għax se nġib il-ħsara mit-
Tramuntana, u qerda kbira.

7Qabeż l-iljun mill-masġar tiegħu, qam il-qerried tal-ġnus u ħareġ mill-bejta
tiegħu, biex minn artek jagħmel ħerba, jiġġarrfu blietek u jisfaw bla nies.

8Għalhekk tħażżmu bix-xkejjer, ibku u ixhru, għax il-qilla ta' għadab il-Mulej ma
warrbitx minn fuqna.

9U jiġri dakinhar, oraklu tal-Mulej, jaqta' qalbu s-sultan, jaqtgħu qalbhom il-
prinċpijiet, jibqgħu miblugħa l-qassisin u mistagħġba l-profeti.

10Jien għedt: "Ah! Sidi Mulej! Mela inti dħakt b'dan il-poplu u b'Ġerusalemm,
meta int għedtilhom: 'Sliem ikollkom', waqt li nifditna sa ruħna x-xabla!"


© 2020 Malta Bible Society.

11Dak iż-żmien għad jgħidu lil dan il-poplu u ’l Ġerusalemm: “Riħ jikwi ġej mill-
għoljiet tad-deżert, lejn bint il-poplu tiegħi, mhux biex iderri, lanqas biex
inaddaf.

12Riħ qawwi jqum għall-kelma tiegħi; u issa jien ukoll illissnilkom is-sentenza.”

13Arah tiela’ bħas-sħab, bħar-riefnu l-imriekeb tiegħu; eħfef mill-ajkli ż-żwiemel
tiegħu. Jaħasra għalina għax mitlufin.

14Naddaf, Ġerusalemm, ’il qalbek mill-ħażen, biex tkun tista’ ssalva. Kemm se
jdumu jbejtu f’qalbek il-ħsibijiet mgħawġa tiegħek?

15Għax hemm leħen iħabbar minn Dan, u jxandar il-ħsara mill-għoljiet ta’ Efrajm.

16Għidu lill-ġnus, araw, ħabbru dwar Ġerusalemm: “Minn art imbiegħda ġejjin
jaħbtu għalik, jgħajtu kontra l-ibliet ta’ Ġuda;

17għax bħal għases ir-raba’ dawruha minn kull naħa għax qamet kontra tiegħi,”
oraklu tal-Mulej.

18Imġibtek u għemilek għamlulek dan: dan hu l-qligħ tal-ħażen tiegħek, kollu
mrar; u nifidlek sa ġo qalbek.

19Ajma l-ġewwieni, il-ġewwieni tiegħi! Ajma l-għeruq ta’ qalbi! Qalbi tħabbat
qawwi, u niskot ma nistax. Għax leħen it-tromba smajt, is-sejħa għall-gwerra.

20Qerda fuq qerda jħabbru. L-art kollha ħerba, f’waqt wieħed l-għerejjex tiegħi
tħarbtu, f’tebqa ta’ għajn it-tined tiegħi.

21Kemm se ndum nara l-istendard, nisma’ leħen it-tromba?

22“Tassew bla moħħ il-poplu tiegħi, lili ma jagħrfunix; ulied boloh, ulied bla
għaqal huma; il-ħażen jinqalgħu biex jagħmluh; jagħmlu t-tajjeb ma jafux.”

23Ħarist lejn il-pajjiż, u arah, taħwid u baħħ; lejn is-smewwiet, u ma kienx hemm
dawl.

24Ħarist lejn l-iġbla, u arahom jitheżżu, u l-għoljiet kollha jitriegħdu,

25Ħarist, u ara, ebda bniedem ma kien hemm, u t-tjur tas-sema kollha ħarbu.

26Ħarist, u arah ir-raba’ jsir deżert, u blietha kollha jiġġarrfu, quddiem il-Mulej,
quddiem is-saħna ta’ għadbu.

27Għax dan qal il-Mulej: “Ħerba l-art kollha ssir, imma għalkollox ma neqridhiex.

28Għalhekk titnikket l-art, u jiddallmu s-smewwiet fil-għoli, għax jien tkellimt, u
qtajtha, ma nitbiddilx, ma nerġax lura.”

29Mill-għajjat tar-rikkieba u l-arċieri, taħrab kull belt, jinħbew fl-imsaġar, u
jixxabbtu mal-blat. Kull belt mitluqa, m’hemm ħadd li jgħammar fihom.


© 2020 Malta Bible Society.

30U int imħarbta x'se tagħmel? Imqar jekk tilbes l-iskarlatt, tiżżejjen bid-deheb, tkabbar għajnejk biż-żebgħa, għal xejn tiżżejjen! Ħbiebek stmerrewk, lil ħajtek qegħdin ifittxu.

31Iva, qiegħed nisma' l-krib ta' mara fil-ħlas, l-għajta ta' mara fl-ewwel ħlas, l-għajta ta' bint Sijon b'nifisha maqtugħ, tgħolli dirgħajha: "Jaħasra għalija! Mifnija qalbi quddiem il-qattiela."

## Ġeremija 5

### Il-korruzzjoni tal-poplu

1Duru mat-triqat ta' Ġerusalemm, araw u ifhmu. Fittxu fl-imsieraħ tagħha, araw jekk issibux bniedem, jekk hemmx min jagħmel is-sewwa, li jfittex li jkun fidil, u jien naħfrilha.

2Imqar jekk jgħidu: "Daqskemm hu ħaj il-Mulej," xorta waħda jaħilfu fil-falz.

3O Mulej, jaqaw għajnejk mhux is-sewwa jfittxu? Iva sawwatthom u ma ħassew xejn; fnejthom u t-tagħlima ma ħaduhiex. Webbsu wiċċhom aktar mill-blat, u ma riedu jerġgħu lura b'xejn.

4U jiena ħsibt: 'Huma l-baxxi biss li tbellhu, għax ma għarfux triq il-Mulej, id-dritt ta' Alla tagħhom.

5Ħa ndur lejn l-għoljin u nkellem lilhom. Għax huma jafu triq il-Mulej, id-dritt ta' Alla tagħhom.' Imma huma lkoll kissru l-madmad, qattgħu l-irbit.

6Għalhekk jidrobhom l-iljun mill-foresta; jeqridhom il-lupu mid-deżert; jissajjalhom il-ljupard madwar bliethom, lil kull min joħroġ minnhom jiżbranah; għax kotru żżejjed dnubiethom, u rashom webbsu fit-tixwix tagħhom.

7"Għax għandi naħfirlek dan? Telquni wliedek, u bdew jaħilfu b'min mhux Alla. Tmajthom u żnew, u bi ħġarhom marru f'dar iż-żienja.

8Saru bħal fħal mitmugħa u mlebilba, kulħadd jingħi għal mart għajru.

9Għal dan kollu ma nikkastigahomx? Oraklu tal-Mulej. Minn poplu bħal dan ma nitħallasx?

10Itilgħu għall-indani tagħha, ħarbtuhom, iżda mhux għalkollox; aqilgħu ż-żraġen tagħha, għax mhumiex tal-Mulej.

11Għax qamu bil-kbir kontrija, dar Iżrael u dar Ġuda," oraklu tal-Mulej.

12Gibbdu lill-Mulej u qalu: "Mhu xejn! Ebda ħsara ma tilħaqna, xabla u ġuħ ma narawhomx."

13Riħ huma l-profeti, kelma fihom m'hemmx. Dan għad jiġrilhom!"


© 2020 Malta Bible Society.

14 Għalhekk dan jgħid il-Mulej, Alla tal-eżerċti: “Talli għedtu dal-kliem, arani, se nagħmel nar minn kelmti fuq xufftejk, u minn dan il-poplu l-ħatab biex jikkunsmah.

15 Arawni, se nġib fuqkom, Dar Iżrael, ġens mill-bogħod, oraklu tal-Mulej, ġens li jibqa’, ġens li ilu, ġens li int ma tafx ilsienu, u ma tifhimx li jgħid.

16 Qabar miftuħ il-barżakka tiegħu, kollu nies qalbiena.

17 U jikollok il-ħsad u l-ħobż, jikollok is-subien u l-bniet, jikollok l-imrieħel u l-baqar jikollok id-dwieli u t-tin. Jeqirdulek bix-xabla l-ibliet imdawra li fihom int qegħedt tamietek.

18 “Imma lanqas f’dawk il-jiem, oraklu tal-Mulej, ma neqridkom għalkollox.

19 U meta jistaqsu: ‘Għaliex il-Mulej Alla tagħna għamlilna dan kollu,’ int tweġibhom: ‘Bħalma intom tlaqtuni u qdejtu allat barranin f’artkom, hekk issa intom taqdu l-barranin f’art mhijiex tagħkom.’ ”

### L-għama spiritwali

20 Habbru dan f’dar Ġakobb, u semmgħuh f’Ġuda, u għidu:

21 “Isimgħu dan, ja poplu iblah u bla moħħ! Għandhom għajnejn u ma jarawx; għandhom widnejn u ma jisimgħux.

22 Ma tibżgħux minni, oraklu tal-Mulej, ma titregħdux quddiem wiċċi? Jien li għamilt ir-ramel b’tarf il-baħar, barriera għal dejjem li ma jaqbiżhiex; jitqanqlu l-imwieġ bla ma jegħlbuha u jgargru l-ħalel bla ma jaqbżuha.

23 Imma dan poplu stinat, ma jismax, tawni daharhom u telquni.

24 Ma qalux f’qalbhom: ‘Ha nibżgħu mill-Mulej, Alla tagħna, li jagħtina x-xita f’waqtha, l-ewwel xita u dik tal-aħħar; li waqqfilna l-ġimgħat tal-ħsad u ħarishomlna.’

25 Dan kollu begħduhulkom dnubietkom, ħżunijietkom ċaħħdukom minn dan il-ġid.

26 Għax hemm il-ħżiena fost il-poplu tiegħi, jissajjaw bħal nassab, u jqiegħdu n-nassa u n-nies jaqbdu.

27 Bħal qafas bl-għasafar mimli, hekk djarhom mimlija serq. Għalhekk kibru u stagħnew;

28 simnu u tlibbsu sabiħ. Issa għamlu ż-żejjed ħażen; ma jagħmlux il-ħaqq, id-dritt tal-iltim jisħqu, u l-kawża tal-fqar ma jaqtgħux.

29 U għal dan kollu ma nikkastigahomx? Oraklu tal-Mulej. U minn poplu bħal dan ma nitħallasx?

30 Ħwejjeġ li jkexkxu u jwerwru ġraw fil-pajjiż:

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

31 Il-profeti jħabbru l-gideb, u l-qassisin imexxu skont kapriċċihom, u l-poplu tiegħi hekk iħobb! X'se tagħmlu meta t-tmiem jasal?

## Ġeremija 6

### L-għadu wara l-bieb

1 Oħorġu għall-kenn lil ulied Benjamin, minn nofs Ġerusalemm! Doqqu t-tromba f'Tekugħa, u fuq Bet-kerem tellgħu sinjal, għax ġejja l-ħsara mit-Tramuntana, u l-qerda kbira riesqa.

2 Neqridha 'l Bint Sijon, ix-xbejba mħejma u sabiħa.

3 Jiġu r-rgħajja għaliha bl-imrieħel tagħhom; kontriha jwaqqfu l-għerejjex dawramejt, kull wieħed jirgħa fil-qasam tiegħu.

4 "Tħejju għall-battalja kontriha, qumu u nitilgħu f'nofsinhar. Jaħasra għalina, il-jum riesaq lejn tmiemu; u d-dellijiet ta' filgħaxija twalu.

5 Qumu u nitilgħu billejl u neqirdulha l-palazzi!"

6 Għax dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti: "Qaċċtu s-siġar tagħha; tellgħu ħajt madwar Ġerusalemm. Din il-belt mogħtija għall-kastig; fiha m'hemmx ħlief moħqrija.

7 Bħalma bir ifawwar ilmijietu, hekk hi tfawwar ħżunietha. Ma tismax fiha ħlief: 'Vjolenza u moħqrija quddiemi ma nilmaħx ħlief mard u ġrieħi.'

8 Tgħallem Ġerusalemm, li ma tmurx qalbi titbiegħed minnek; li ma nagħmilx minnek ħerba, art li ma jgħammar fiha ħadd."

9 Dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti: "Laqqtu, laqqtu bħallikieku minn dielja, il-fdal ta' Iżrael, midd idejk fuq il-friegħi bħal min jiġbor l-għeneb."

10 Lil min se nkellem? Lil min inwiddeb li jismagħni? Bla ħtin widnejhom, u ma jistgħux jisimgħu. Araw, il-kelma tal-Mulej żebliħ għalihom, gost biha ma jeħdux!

11 Jien nixgħel b'għadab il-Mulej, ma niflaħx aktar! "Ferrgħu fuq it-tfal fit-triq, u fuq iż-żgħażagħ miġbura flimkien, għax ir-raġel u l-mara jinħatfu f'salt, ix-xiħ u l-mimli bl-għomor.

12 U djarhom jaqgħu f'idejn il-barranin bir-raba' u n-nisa tagħhom f'daqqa. Għax immidd idejja fuq in-nies ta' dal-pajjiż," oraklu tal-Mulej.

13 Miż-żgħir sal-kbir, ilkoll ħsiebhom fis-serq, mill-profeta sal-qassis, ilkoll mogħtija għall-qerq.

14 U jippretendu li jdewwu l-ġerħa tal-poplu tiegħi bħallikieku xejn u jgħidu: "Sliem, Sliem" u mhuwa sliem xejn.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

15Forsi stħaw meta għamlu l-qżiżijiet? Ma stħaw xejn; lanqas biss jafu jiħmaru.
Għalhekk għad jaqgħu ma' dawk li diġà waqgħu, jiġġarrfu f'jum kastighom, jgħid
il-Mulej.

16Dan jgħid il-Mulej: "Ieqfu fit-toroq u ħarsu, staqsu għall-mogħdijiet ta' dari,
fejn hi t-triq it-tajba u aqbdu lilha, u hekk issibu l-mistrieħ għal ruħkom!" Imma
huma wieġbu: 'Fiha ma nimxux.'

17Jien qegħedt fuqhom l-għassies u għedtilhom: Agħtu widen għal leħen it-
tromba.' U huma wieġbu: 'Ma rridux nagħtu widen.'

18Għalhekk ħa jisimgħu l-ġnus, u tifhem il-ġemgħa x'se jiġri fosthom.

19Isma', art! Arani, se nġib fuq dan il-poplu ħsara, frott ta' fehmiethom. Għax ma
tawx widen għal kliemi u l-liġi tiegħi ċaħduha.

20X'jiswieli l-inċens ġej minn Saba? U l-kannella tfuħ minn art imbiegħda? Is-
sagrifiċċji tal-ħruq tagħkom ma jogħġbunix, u l-vittmi tagħkom ma jgħaxxqunix.

21Għalhekk dan jgħid il-Mulej: 'Arawni: jien se nqiegħed it-tfixkil għal dan il-
poplu, biex fih jitfixklu żgur, il-missirijiet u wliedhom flimkien, il-ġar u sieħbu
jinqerdu.'

22Dan jgħid il-Mulej. Araw! għad jiġi poplu mit-Tramuntana, u ġens kbir
jitqanqal minn truf l-art.

23Il-qaws u l-lanza jaqbdu, qalila u bla ħniena huma; ħosshom ikarwat bħal
baħar, riekba fuq iż-żwiemel, lesti għat-taqtigħa kontrik, Bint Sijon.

24Smajna bil-fama tagħhom, u idejna ntelqu, u qabditna d-diqa, u l-uġigħ ta' mara
fil-ħlas.

25Toħorġux fir-raba', tmorrux fit-triq, għax hemm ix-xabla tal-għadu, u t-
twerwir ma' kullimkien.

26Bint il-poplu tiegħi, ilbes ix-xkora, u tqalleb fl-irmied. Agħmel il-luttu
bħallikieku għal iben waħdieni, ibki bl-imrar; għax għal għarrieda fuqna ġej il-
qerried.

27Jien qegħedtlek bħal ġarrab fost il-poplu tiegħi, biex int tistħarreġ u ġġarrab
imġibthom,

28ilkoll kemm huma ribelli fuq li ribelli, mhux ħlief ixerrdu l-qlajja'. Ram u ħadid,
ilkoll imħassra.

29Jonfoħ bil-qawwa l-minfaħ, u r-ram jintemm bin-nar; xejn ma jiswa t-tidwib,
il-ħżiena ma tnaqqewx.

30'Fidda mormija' jsejħulhom, għax irmiehom il-Mulej.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

# Ġeremija 7

### It-tama fiergħa fit-tempju

1Il-kelma li ġiet lil Ġeremija mill-Mulej:

2“Mur oqgħod f’bieb it-tempju tal-Mulej u hemmhekk xandar din il-kelma u għid: ‘Isimgħu l-kelma tal-Mulej, nies kollha ta’ Ġuda, intom li tidħlu minn dawn il-bibien biex tinxteħtu taduraw il-Mulej.

3Dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti, Alla ta’ Iżrael: Tejbu l-imġiba tagħkom u għemilkom, u jiena nħallikom tgħixu f’dan il-post.

4Isserrħux raskom bi kliem qarrieq, u tgħidu: hawn hu t-tempju tal-Mulej, it-tempju tal-Mulej, it-tempju tal-Mulej.

5Għax jekk tassew ittejbu l-imġiba tagħkom u għemilkom, jekk tassew tagħmlu l-ġustizzja bejn bniedem u sieħbu,

6jekk ma taħqrux il-barrani, l-iltim u l-armla, u ma xxerrdux demm bla ħtija f’dan il-post, u ma tmorrux wara allat oħra bi ħsara għalikom stess,

7jiena nħallikom tgħixu f’dan il-post, fl-art li tajt lil missirijietkom minn dejjem għal dejjem.

8“Imma intom isserrħu raskom bi kliem qarrieq u bla fejda;

9tisirqu, toqtlu, taqgħu fiż-żina, taħilfu fil-falz, taħarqu l-inċens quddiem Bagħal, tmorru wara allat oħra li ma tafuhomx,

10u mbagħad tiġu u tieqfu quddiemi f’din id-dar li fuqha ssejjaħ ismi, u tgħidu: ‘Aħna salvi,’ mhux ħlief biex tissuktaw f’dawn l-għemejjel mistkerrha kollha.

11Huwa din id-dar li fuqha ssejjaħ ismi, saret xi għar tal-ħallelin f’għajnejkom? Araw, dan rajtu jiena nnifsi, oraklu tal-Mulej.

12“Morru fil-post li kelli f’Silo, fejn fil-bidu qegħedt ismi jgħammar fih, araw x’għamiltilha minħabba l-ħażen tal-poplu tiegħi Iżrael!

13U issa, għax għamiltu dawn l-għemejjel kollha, oraklu tal-Mulej, u ma ridtux tisimgħu meta ħabrikt biex inkellimkom, u ma weġibtux meta sejjaħtilkom,

14jiena se nagħmel ma’ dan is-santwarju li jien tajt lilkom u lil missirijietkom, li fuqu ssejjaħ ismi, u li bih isserrħu raskom, dak li għamilt f’Silo.

15Inkeċċikom minn quddiemi, kif keċċejt lil ħutkom, in-nisel kollu ta’ Efrajm.

### L-abbużi fit-tempju

16“U int titlobx għal dan il-poplu, tgħollix leħnek u titlobx għalihom; tidħolx għalihom quddiemi, għax ma nisimgħekx.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

17Ma tarax x'inhuma jagħmlu fl-ibliet ta' Ġuda u fit-toroq ta' Ġerusalemm?

18It-tfal jiġbru l-ħatab, il-missirijiet iqabbdu n-nar, u n-nisa jagħġnu biex jagħmlu
l-ftajjar għas-sultana tas-sema, u jsawbu l-libazzjonijiet lil allat oħra biex jinkuni.

19Huwa lili li jinku, oraklu tal-Mulej, jew lilhom infushom qegħdin jinku, għall-
mistħija tagħhom?

20Għalhekk dan jgħid Sidi l-Mulej: 'Araw, il-qilla tiegħi u l-għadab tiegħi jissawbu
fuq dan is-santwarju, fuq in-nies u fuq il-bhejjem, fuq is-siġar tar-raba', u fuq il-
frott tal-art: jixgħel u ħadd ma jitfih.' "

21Dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti, Alla ta' Iżrael: "Żidu l-vittmi maħruqa u s-
sagrifiċċji, kulu wkoll laħamhom.

22Dwar sagrifiċċji u vittmi, jien ma għedt xejn lil missirijietkom u lanqas ma
ordnajtilhom xejn dakinhar li ħriġthom mill-art tal-Eġittu.

23Dan hu l-kmand li tajt lill-poplu tiegħi u għedtilhom: 'Isimgħu minn kliemi, u
jiena nkun Alla tagħkom, u intom tkunu l-poplu tiegħi, u imxu fit-triq kollha li
qiegħed nordnalkom, għall-ġid tagħkom.'

24Iżda huma ma semgħux, ma tawx widen; imxew skont il-fehmiet tagħhom,
skont l-ebusija tal-qalb ħażina tagħhom; marru lura flok 'il quddiem.

25Minn mindu missirijiethom ħarġu mill-Eġittu sal-lum, bgħattilhom il-qaddejja
kollha tiegħi, il-profeti; kuljum ħabrikt li nibgħathomlkom.

26B'danakollu qatt ma semgħu minni, qatt ma taw widen, anzi webbsu rashom,
għamlu agħar minn missirijiethom.

27U int tgħidilhom dan kollu, imma ma jisimgħux minnek; issejħilhom, iżda ma
jweġbukx.

28Inti tgħidilhom: 'Dan hu l-ġens li ma jismax leħen il-Mulej Alla tiegħu, li ma
jilqax il-korrezzjoni. Is-sewwa għab u tbiegħed minn fommhom.'

29Aqta' xagħrek u armih! Għolli leħnek u okrob fuq l-għoljiet! Għax rema l-Mulej
u nesa n-nisel li għaddbu.

### Kastig tal-biża'

30"Għax għamlu l-ħażen f'għajnejja wlied Ġuda, oraklu tal-Mulej. Qiegħdu l-allat
moqżieża fid-dar li fuqha jissejjaħ ismi biex ikasbruha.

31U bnew is-santwarju ta' Tofet li hemm fil-wied ta' Ben Hinnom, u hemm ħarqu
'l uliedhom subien u bniet, ħaġa li jiena ma qabbadthomx, u lanqas qatt ma ġiet
f'rasi.


© 2020 Malta Bible Society.

32Għalhekk, araw, għad jiġi żmien, oraklu tal-Mulej, ma jissejjaħx aktar Tofet jew Wied Ben Ħinnom imma Wied il-Qatla. Għad jidfnu f'Tofet, għax ma jkunx hemm post ieħor.

33U l-iġsma mejta ta' dan il-poplu jkunu ikel għat-tajr tal-ajru u għall-bhejjem tal-art, u ma jkunx hemm min igerrixhom.

34U jien insikket fl-ibliet ta' Ġuda u fit-toroq ta' Ġerusalemm għajjat il-ferħ u għajjat l-hena, leħen l-għarus u leħen l-għarusa, għax ħerba ssir mill-pajjiż.

## Ġeremija 8

1"Dakinhar, oraklu tal-Mulej, jaqilgħu mill-oqbra l-għadam tas-slaten ta' Ġuda, u l-għadam tal-prinċpijiet, u l-għadam tal-qassisin, u l-għadam tal-profeti, u l-għadam tan-nies ta' Ġerusalemm,

2u jperrċuh għax-xemx u l-qamar u l-qtajja' kollha tas-smewwiet, li huma ħabbewhom u qdewhom u marru warajhom, u ħadu l-parir tagħhom u qiemuhom. Ma jiġbruhomx, u ma jidfnuhomx, imma jħalluhom bħad-demel f'wiċċ l-art.

3Imbagħad jippreferu l-mewt mill-ħajja n-nies li jibqgħu ħajjin minn dan in-nisel ħażin fil-pajjiżi kollha kull fejn għad inxerridhom, oraklu tal-Mulej tal-eżerċti.

### Ma jridux jafu

4"Inti tgħidilhom, dan jgħid il-Mulej: Jaqaw jekk xi ħadd jaqa', ma jerġax iqum? Jew jekk jitlef triqtu, ma jerġax lura?

5Għaliex, mela, dan il-poplu ntilef b'telfa għal dejjem? Żammew sħiħ fil-qerq, ma jridux jerġgħu lura.

6Jien qgħadt attent u smajt, u huma jgħidu dak li mhux sewwa. M'hemmx bniedem niedem minn ħżunitu u jgħid: 'X'għamilt?' Ilkoll qabdu l-ġirja tagħhom, bħal żiemel imlebbet għat-taqtigħa.

7Imqar il-laqlâq tal-ajru jagħraf żmienu; il-gamiema, il-ħuttafa, u l-għarnuq iħarsu ż-żmien tal-passa tagħhom. Imma l-poplu tiegħi ma jagħrafx id-dritt tal-Mulej.

8Kif tistgħu tgħidu: 'Aħna għorrief u l-liġi tal-Mulej magħna?' Għax tassew gidba għamlet minnha il-pinna giddieba tal-iskribi.

9L-għorrief jitħawdu, jitħabblu u jinqabdu. Arawhom, ċaħdu l-kelma tal-Mulej, u issa x'għerf baqgħalhom?

### Korruzzjoni kullimkien

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

10“Għalhekk jien nerħi lin-nisa tagħhom f’idejn ħaddieħor, ir-raba’ tagħhom lil
sidien oħra; għax miż-żgħir sal-kbir, kollha għatxana għas-serq; mill-profeta sal-
qassis kollhom qerq f’għemilhom.

11Idewwu l-ġerħa ta’ bint il-poplu tiegħi bħallikieku xejn u jgħidu: “Sliem, Sliem,”
u sliem m’hemmx!

12Imisshom jistħu bil-qżież li għamlu; imma huma ma jistħux u anqas wiċċhom
ma jafu jħammru. Għalhekk għad jaqgħu ma’ dawk li diġà waqgħu; jiġġarrfu
f’jum kastighom, jgħid il-Mulej.

13Għalkollox intemmhom, oraklu tal-Mulej, ma jibqax għeneb fid-dielja, lanqas
tin fit-tina, sal-weraq jidbiel, u nibagħtilhom min jgħaffiġhom.

14“Għalfejn qegħdin hawn aħna? Ħa ninġabru u nidħlu fl-ibliet armati, u
nintemmu hemm. Għax il-Mulej, Alla tagħna, se jeqridna! Se jisqina ilma
avvelenat, għax dnibna kontra l-Mulej.

15Stennejna s-sliem, imma ma sibna ebda riżq; is-siegħa tal-fejqan, imma ma
sibniex ħlief twerwir!

16Minn Dan jinstema’ l-infiħ lehġien; taż-żwiemel tiegħu iż-żehir tal-qawwijin
tiegħu titriegħed l-art kollha kemm hi. Jiġu u jibilgħu l-art b’kulma fiha, lill-belt
u n-nies li jgħammru fiha.

17Għax, arawni, sriep velenużi se nitlaq f’nofskom, li ebda seħer ma jagħmel
bihom, u għad jigdmukom,” oraklu tal-Mulej.

**L-għali tal-Profeta**

18M’hemmx fejqan għall-għali tiegħi, qalbi nfniet!

19Isimgħu! L-għajta mbikkija ta’ bint il-poplu tiegħi, l-għajta minn art imbiegħda!
“Ma għadux il-Mulej f’Sijon? M’għadux hemm is-sultan tagħha?” Għaliex inkewni
bl-idoli tagħhom, bil-frugħat tal-barranin?

20“Għadda żmien il-ħsad, intemm is-sajf, u aħna għadna ma ħlisniex.”

21Minħabba l-ġerħa ta’ bint il-poplu tiegħi jien miġruħ. Qabadni swied il-qalb,
qabadni t-tkexkix.

22M’hemmx aktar balzmu f’Gilgħad? Ebda tabib ma hemm? Għaliex, mela, ma
għalqitx il-ġerħa ta’ bint il-poplu tiegħi?

23Mhux li kien xi ħadd jagħmel minn rasi għajn ta’ ilma, u min għajnejja nixxiegħa
ta’ dmugħ, ħa nibki lejl u nhar il-maqtulin ta’ bint il-poplu tiegħi!

## Ġeremija 9

**Poplu mħassar**

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

1 Mhux li kont insib fejn nistkenn fid-deżert, ħa nħalli l-poplu tiegħi, u nitbiegħed minnhom. Għax ilkoll kemm huma adulteri, qatgħa ta' nies ribelli.

2 U għamlu minn ilsienhom qaws miġbud. Il-qerq, u mhux is-sewwa, isaltan fil-pajjiż. Għax minn ħażen għal ħażen għaddejjin, u bija ma jridux jafu, oraklu tal-Mulej.

3 Oqogħdu attenti minn xulxin ilkoll; u ħadd ma għandu jafda f'ħuh. Għax l-aħwa jaqilgħu lill-aħwa 'l barra, u kull ħabib sejjer iqassas.

4 Wieħed iqarraq bl-ieħor u s-sewwa ma jgħiduh qatt, għax ilsienhom darrewh fi kliem il-gideb. Għejew jidinbu, u ma jridu jindmu qatt.

5 Qalb il-qerq l-għamara tiegħek, oraklu tal-Mulej, u fil-qerq ma jridux jagħrfuni.

6 Għalhekk dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti: "Arani, jien indewwibhom u ngarrabhom. Nista' nagħmel mod ieħor ma' bint il-poplu tiegħi?

7 Ilsienhom vleġġa misnuna, ħlief qerq fommhom ma jlissinx. "Sliem!" jgħid lill-għajru, u f'qalbu jlestilu n-nasba.

8 U m'għandix nikkastigahom għal dan kollu? Oraklu tal-Mulej. U minn poplu bħal dan m'għandix nitħallas?"

9 Ngħolli leħen ta' biki u tinwiħ għall-muntanji, għanja tal-mewt għall-mergħat tad-deżert. Għax maħruqa huma, u ħadd ma jgħaddi aktar minnhom, u ma jisimgħux aktar leħen l-imrieħel; mit-tajra tal-ajru sal-bhejjem, kollha ħarbu u telqu.

10 U nagħmel gozz ġebel minn Ġerusalemm, u bejta tax-xakalli; u ħerba mill-ibliet ta' Ġuda u ħadd ma jgħammar fihom.

11 Min hu l-għaref li jifhem dan? U jgħid x'qallu fomm il-Mulej: Għaliex l-art tħarbtet u nħarqet bħad-deżert, u ma jista' jgħaddi minnha ħadd?

12 U l-Mulej wieġeb: "Għax telqu l-liġi tiegħi, li jien qegħedt quddiemhom, u ma semgħux minn kliemi, u ma mxewx fuqu,

13 u marru wara l-ebusija ta' qalbhom u wara l-Bagħalim, bħalma għallmuhom missirijiethom."

14 Għalhekk dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti, Alla ta' Iżrael: "Arawni, se nitmagħhom l-absint u nisqihom l-ilma avvelenat.

15 Inxerridhom qalb ġnus li, la huma u lanqas missirijiethom, qatt ma kienu jafu bihom; u nitlaq għal warajhom ix-xabla sa ma teqridhom."

16 Dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti: "Qisu li ssejħu lill-bekkejja biex jiġu; ibagħtu l-aħjar fosthom ħa jgħaġġlu jiġu,

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

17u jfittxu jgħannulna għanja ta' tinwiħ. Ha jgelgel minn għajnejna d-dmugħ, u minn xfarhom inixxi l-ilma!

18Għax leħen it-tinwiħ jinstama' minn Sijon: 'Ah! X'rovina ġietna, x'għajb għalina. Ikollna nitilqu artna, u nħallu 'l djarna.'

19Iva, isimgħu, nisa, kelmet il-Mulej, ħa jilqgħu widnejkom kelmet fommu; għallmuha lil bnietkom it-tinwiħa, u kull waħda lil seħbitha l-għanja tal-mewt.

20'Għax telgħet il-mewt mit-twieqi u daħlet fil-palazzi tagħna. Qerdet it-tarbija fit-triq, u ż-żgħażagħ fl-imsieraħ.'

21Tkellem: 'Dan jgħid il-Mulej: L-iġsma tan-nies maqtula bħad-demel fuq wiċċ ir-raba', u bħal għamra wara l-ħassad bla ma ħadd jiġborha.' "

22Dan jgħid il-Mulej: "Ma għandux jiftaħar l-għaref b'għerfu, u anqas ma għandu jiftaħar il-qalbieni bi qlubitu; m'għandux jiftaħar l-għani b'ġidu.

23Imma min irid jiftaħar, b'dan għandu jiftaħar: li għandu d-dehen biex jagħrafni, għax jien hu l-Mulej, li nagħmel it-tjieba, il-ħaqq, u s-sewwa fuq l-art, għax b'dawn nitgħaxxaq, oraklu tal-Mulej.

### Iċ-ċirkonċiżjoni weħidha ma tiswa xejn

24Araw, għad jiġi żmien, oraklu tal-Mulej, meta jien inħallas lil dawk li huma maħtunin biss f'ġisimhom:

25lill-Eġittu, lil Ġuda, lil Edom, lill-Għammonin, lill-Mowabin, u lil dawk kollha li jqaxxru xagħar ngħashom, u jgħammru fid-deżert. Għax dawn il-ġnus, għad-dar ta' Iżrael, ilkoll huma bla ħtin f'qalbhom.

## Ġeremija 10

### Il-bluha tal-idolatrija

1Isimgħu, dar Iżrael, il-kelma li jgħidilkom il-Mulej.

2Dan jgħid il-Mulej: "Drawwiet il-ġnus la titgħallmux, u la tibżgħux mis-sinjali tas-smewwiet, il-ġnus jitbeżżgħu minnhom.

3Għax ir-reliġjon tal-popli hija frugħa, għuda maqtugħa minn ġol-bosk, xogħol idejn l-imgħallem bl-iskalpell.

4Iżejjinha bid-deheb u l-fidda, iwaħħluha bl-imsiemer u l-martell, biex ma titħarrikx.

5Bħan-nuffara f'għalqa ħjar, l-idoli ma jitkellmux. Trid terfagħhom, għax ma jimxux. La tibżgħux minnhom, għax deni ma jagħmlux, u riżq ma fihom xejn."

6Hadd mhu bħalek, Mulej, int kbir, u kbir ismek f'qawwitu!

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

7Min ma jibżax minnek, Sultan tal-ġnus? Hekk jistħoqqlok; għax fost l-għorrief
kollha tal-ġnus, u f'saltniethom kollha, m'hemm ħadd bħalek.

8Nies boloh u bla moħħ; tagħlim fieragħ, biċċa għuda.

9Fidda maħduma miġjuba minn Tarsis, u deheb minn Ofir. Xogħol l-imgħallem u
idejn l-arġentier, imlibbsa l-vjola u l-iskarlatt; kollox xogħol in-nies tas-sengħa.

10Imma l-Mulej tassew hu Alla: Alla ħaj u sultan ta' dejjem. Għall-għadab tiegħu
titriegħed l-art, u għall-qilla tiegħu l-ġnus ma jifilħux.

11Hekk għandkom tgħidulhom: "L-allat li ma għamlux is-smewwiet u l-art għad
jgħibu minn fuq l-art u minn taħt is-smewwiet."

12Bil-ħila tiegħu għamel l-art, u d-dinja sejjes b'għerfu, u bid-dehen tiegħu firex
is-smewwiet.

13Irriegħed leħnu, jitqanqlu l-ilmijiet tas-smewwiet; itella' s-sħab minn truf l-art,
iberraq biex tagħmel ix-xita; u minn ħażnietu jitlaq l-irjieħ.

14Jiblieh kull bniedem u jitlef dehnu; l-arġentier jistħi mill-idolu tiegħu, għax
gidba hi x-xbieha mdewba, u fihom nifs ma hemmx.

15Frugħa huma, xogħol ta' xejn, fi żmien ħlashom għad jintemmu.

16Mhux hekk sehem Ġakobb, Hu li għamel kulma hu, u t-tribù ta' Iżrael il-wirt
tiegħu, "Jaħweh tal-eżerċti" jismu.

## Lesti għall-eżilju

17Iġbor mill-art is-sorra tiegħek, int, belt assedjata.

18Għax dan jgħid il-Mulej: "Arani, din id-darba nkeċċi 'l barra bħal bi żbandola,
in-nies li jgħammru fil-pajjiż; irross fuqhom biex isibuni."

19Hasra għalija! Jien imġarraf, il-ġerħa tiegħi bla fejqan. Imma jien għedt: 'Din il-
marda tiegħi, ikolli nitqanna biha."

20Għarixi tħarbat, tqattgħu l-ħbula tiegħi. Uliedi tbiegħdu minni, u m'għadhomx
iżjed. Ma fadalx min itellagħli għarixi, u jifrixli t-tined.

21Iva! Ir-rgħajja tilfu rashom, u l-Mulej ma fittxewhx. Għalhekk ma kellhomx riżq,
u xterdu l-imrieħel tagħhom.

22Instama' ħoss riesaq, u għagħa kbira minn art it-Tramuntana, biex jagħmlu
mill-ibliet ta' Ġuda ħerba, bejta tax-xakalli.

## Talba ta' Ġeremija

23Jien naf, Mulej, triq il-bniedem mhijiex f'idejh, anqas min jimxi ma jista'
jiddirieġi l-passi tiegħu.

24Għakkisni Mulej, imma bil-qjies, mhux f'għadbek, inkella ġġibni fix-xejn.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

25 Ferragħ għadbek fuq il-ġnus li ma jagħrfukx, fuq ir-razez li ismek ma jsejħux. Għax huma belgħu lil Ġakobb, u kkunsmawh u għamartu ħarbtuhielu.

## Ġeremija 11

### Il-ksur tal-Patt

1 Il-kelma li ġiet lil Ġeremija mingħand il-Mulej u qallu:

2 "Isimgħu l-kelma ta' dan il-patt u ħabbruha lin-nies ta' Ġuda u lil dawk li jgħammru f'Ġerusalemm.

3 Għidilhom: Dan jgħid il-Mulej, Alla ta' Iżrael: Misħut il-bniedem li ma jismax minn kliem dan il-patt,

4 li jien ordnajt lil missirijietkom dakinhar li ħriġthom mill-art tal-Eġittu, mill-forġa tal-ħadid, u għedtilhom: Isimgħu minn kliemi u għamlu skont ma kkmandajtkom, u tkunu l-poplu tiegħi u jien inkun Alla tagħkom,

5 biex jien inżomm il-ħalfa li ħlift lil missirijietkom li nagħtihom art tnixxi ħalib u għasel, bħalma taraw illum." U jien weġibt u għedt: "Iva, Mulej."

6 U l-Mulej qalli: "Xandar dan il-kliem kollu fl-ibliet ta' Ġuda u fit-toroq ta' Ġerusalemm u għidilhom: 'Isimgħu l-kliem ta' dan il-patt u agħmluh.

7 Għax jien widdibt fuq li widdibt lil missirijietkom dakinhar li tellajthom mill-art tal-Eġittu sal-lum stess u għedtilhom: 'Isimgħu minn kliemi!'

8 Imma huma ma semgħux, u lanqas taw widen; u kull wieħed minnhom ġieb ruħu skont l-ebusija ta' qalbu l-ħażina u ġibt fuqhom it-tehdid kollu ta' dan il-patt, widdibthom li jħarsuh, u huma ma ħarsuhx."

9 U l-Mulej qalli: "Saret konfoffa qalb in-nies ta' Ġuda u dawk li jgħammru f'Ġerusalemm.

10 Reġgħu lura għall-ħażen ta' missirijiethom tal-imgħoddi, li ma ridux jisimgħu kliemi, u marru wara allat oħra biex iservuhom. Id-dar ta' Iżrael u d-dar ta' Ġuda kisru l-patt li jien għamilt ma' missirijiethom.

11 Għalhekk dan jgħid il-Mulej: 'Arawni se nġib fuqhom ħsara, li ma jkunux jistgħu jaħarbuha; għad jgħajtuli, imma jien ma nismagħhomx.

12 U jmorru l-ibliet ta' Ġuda u dawk li jgħammru f'Ġerusalemm u jgħajtu 'l-allat li soltu jmorru jaħarqulhom l-inċens; imma f'jum hemmhom ma jsalvawhomx.

13 Għaliex daqs kemm huma blietek, daqshekk ieħor huma allatek, Ġuda; u daqs kemm huma triqat Ġerusalemm, daqshekk ieħor huma l-artali li tellajtu lil dak l-għajb, biex taħirqu l-inċens lil Bagħal.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

14U int la titlobx għal dan il-poplu u tgħollix leħnek u titlobx għalihom, għax jien ma nismax meta jsejħuli fi żmien hemmhom.

15X'tistenna l-maħbuba tiegħi f'dari, meta għamlet daqshekk ħażen? Jaqaw il-wegħdi u l-laħam ikkonsagrat se jbiegħdu minnek il-ħsara, biex int tkun tista' titferraħ, malli tisma' bl-invażjoni l-kbira?

16"Żebbuġa tħaddar imżejna bi frott sabiħ," semmiek il-Mulej. Imma issa se jagħtiha n-nar, u jinxfu l-friegħi tagħha.

17U l-Mulej tal-eżerċti li ħawlek ħabbar il-ħsara għalik minħabba l-ħażen ta' dar Iżrael u dar Ġuda, il-ħażen li għamlu biex jinkuni bl-inċens li ħarqu lil Bagħal.

### Komplott kontra Ġeremija

18Il-Mulej għarrafni, u jien sirt naf; inti wrejtni l-għemejjel tagħhom.

19U jien bħal ħaruf ġwejjed meħud għall-qatla, ma kontx naf li kienu jgħaddu kontrija u jgħidu: "Ha noqtlu s-siġra bil-frott tagħha; inqaċċtuh mill-art tal-ħajjin, u ismu ma jiftakruhx aktar."

20Int, Mulej tal-eżerċti, imħallef ġust li tifli l-qalb u l-moħħ, ħallini nara l-vendetta tiegħek minnhom, għaliex f'idejk irħejt il-kawża tiegħi!

21Għalhekk dan jgħid il-Mulej lin-nies ta' Għanatot li jfittxulek ħajtek u jgħidu: "La tħabbarx aktar f'isem il-Mulej, li ma tmutx b'idejna."

22Għalhekk dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti: "Arani, se nħallashom! Il-fjur tagħhom imutu bix-xabla, uliedhom, subien u bniet, imutu bil-ġuħ.

23Ħadd ma jifdal minnhom, għax inġib l-hemm fuq in-nies ta' Għanatot fis-sena tal-kastig tagħhom."

## Ġeremija 12

### L-ilmenti tal-Profeta

1Ikollok raġun int, Mulej, meta niddiskuti miegħek; imma rrid inħaqqaqha miegħek: Għaliex il-ħżiena jgawdu r-riżq, u l-ħatjin kollha jgħixu fis-sliem?

2Tħawwilhom u jniżżlu l-għeruq, jikbru u jagħmlu l-frott. Int qrib fuq fommhom, imma 'l bogħod minn qalbhom.

3Int, Mulej, tafni u tarani, u tiflili qalbi. Iġbidhom bħal nagħaġ għall-mewt, żommhom għall-qatla.

4Kemm se ddum tinkedd l-art, u l-ħaxix jinxef fir-raba'? Minħabba l-ħażen ta' min jgħammar fiha, imutu l-bhejjem u t-tjur. Għax huma jgħidu: "Ma jarax l-imġiba tagħna."


© 2020 Malta Bible Society.

5“Jekk tegħja tiġri ma’ rġiel jiġru, kif se ttellaq maż-żwiemel? Jekk int tintreħa
f’art is-sliem, x’se tagħmel fil-masġar tal-Ġordan?

6Imqar ħutek, dar missierek, dawn ukoll iqarrqu bik; dawn ukoll jgħajtu warajk
bis-sħiħ, tafdahomx meta jkellmuk bi kliem sabiħ.

7Ħallejt ’il dari, tlaqt ’il wirti, ħallejt l-għaxqa ta’ qalbi f’idejn l-għedewwa tagħha.

8Għax wirti sar għalija bħal iljun fil-masġar: għolla leħnu għalija u jien għalhekk
nobogħdu.

9Għasfur ta’ lewn imżewwaq hu wirti għalija, imdawwar mill-isqra minn
kullimkien! Ejjew inġemgħu, bhejjem kollha tax-xagħri, ejjew għall-ikla!

10Ħafna rgħajja ħarbtu l-għalqa tad-dwieli tiegħi, għaffġu fuq il-wirt tiegħi,
għamlu ħerba li twaħħax l-għalqa, li kienet l-għaxqa tiegħi.

11Ħartuha u għamluha tbikkik quddiemi; il-pajjiż kollu sar ħerba u ħadd ma
jimpurtah.

12Fuq l-għoljiet għerja kollha tad-deżert ġew il-qerrieda, għax il-Mulej għandu
sejf qerriedi; minn tarf sa tarf tal-art ma hemmx sliem għal ebda ħaj.

13Żergħu l-qamħ u ħasdu x-xewk; tħabtu għal xejn; jistħu mill-ħsad tagħhom,
minħabba l-qilla ta’ għadab il-Mulej.”

14Dan jgħid il-Mulej kontra l-ġirien ħżiena tiegħi, li messew il-wirt li jien tajt lill-
poplu tiegħi Iżrael: “Arawni, se naqlagħhom minn arthom u d-dar ta’ Ġuda se
naqlagħha minn nofshom.

15Imbagħad jiġri li wara li nkun qlajthom nerġa’ nħenn għalihom, irreġġagħhom
lura ’l kull wieħed lejn wirtu, lil kull wieħed lejn artu.

16U jiġri li jekk jitgħallmu sewwa d-drawwiet tal-poplu tiegħi u jaħilfu b’ismi,
daqskemm hu ħaj il-Mulej, bħalma għallmu l-poplu tiegħi jaħlef b’Bagħal, huma
jitrawmu f’nofs il-poplu tiegħi.

17Imma jekk ma jisimgħux, naqla’ ’l dan il-poplu, naqilgħu u neqirdu,” oraklu tal-
Mulej.

## Ġeremija 13

### Ix-xbieha tal-ħżiem

1Dan qalli l-Mulej: “Mur u ixtri ħżiem tal-għażel għal qaddek, u dawru ma’
ġenbejk bla ma xxarrbu bl-ilma.”

2U jien mort nixtri l-ħżiem bħalma qalli l-Mulej, u dawwartu ma’ ġenbejja.

3Għat-tieni darba kellimni l-Mulej u qalli:

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

4“Aqbad il-ħżiem li xtrajt, li hemm ma’ ġenbejk; qum, mur ħdejn ix-xmara
Ewfrat, u aħbih hemm f’xaqq ta’ blata.”

5U jien mort ħbejtu ħdejn l-Ewfrat, kif qalli l-Mulej.

6Wara ħafna żmien il-Mulej raġa’ kellimni u qalli: “Qum, mur ħdejn l-Ewfrat, u
ħu minn hemm il-ħżiem li jien ikkmandajtek taħbi hemm.”

7U mort ħdejn l-Ewfrat, ħaffirt, u ġbart il-ħżiem minn fejn kont ħbejtu. U l-ħżiem
sibtu mherri u ma jiswa għal xejn.

8U l-Mulej raġa’ kellimni u qalli.

9“Dan jgħid il-Mulej: Hekk inxejjen il-kburija ta’ Ġuda u l-kburija bla qjies ta’
Ġerusalemm.

10Dan il-poplu ħażin, li ma jridx jisma’ kliemi, li jrid bilfors jimxi mal-ebusija ta’
qalbu, u mar jaqdi allat oħra u nxteħet wiċċu fl-art quddiemhom, dan il-poplu
jiġrilu bħal dan il-ħżiem li ma jiswa għal xejn.

11Għax bħalma bniedem jorbot il-ħżiem ma’ ġenbejh, hekk jien irbatt miegħi d-
dar kollha ta’ Iżrael, u d-dar kollha ta’ Ġuda, jgħid il-Mulej, biex tkun għalija
poplu, isem, foħrija, sebħ; imma ma semgħux.”

### Ix-xbieha tal-ġarra

12“U int għidilhom ukoll dan il-kliem: ‘Dan jgħid il-Mulej Alla ta’ Iżrael: Kull ġarra
timtela bl-inbid.’ U huma jweġbuk: ‘Ma nafux li kull ġarra timtela bl-inbid?’

13U int tweġibhom: ‘Dan jgħid il-Mulej: Arawni, se nimla bis-sokor in-nies kollha
li jgħammru f’din l-art, u s-slaten li qegħdin fuq it-tron ta’ David u l-qassisin u l-
profeti, u n-nies kollha ta’ Ġerusalemm.

14Inħabbathom il-wieħed mal-ieħor, il-missirijiet mal-ulied, u nkissirhom f’salt
wieħed, oraklu tal-Mulej, ma nitħassarhomx, ma nħossx għalihom, ma nħennx
għalihom hekk li ma neqridhomx.’ ”

### Sejħa għall-indiema

15Isimgħu u agħtu widen, la titkabbrux, għax il-Mulej tkellem.

16Agħtu glorja lill-Mulej, qabel ma jidlam u qabel ma jitfixklu riġlejkom fuq il-
muntanji bejn dawl u dlam. Intom tistennew id-dawl, imma hu jibdlu fis-swied,
sa ma jagħmlu dlam.

17Jekk intom ma tisimgħux, nibki mqar bil-moħbi minħabba kburitkom.
Għajnejnna jiddemmgħu u jxerrdu d-dmugħ, għax eżiljaw il-merħla tal-Mulej.

### Tehdid ta’ eżilju

18Għid lis-sultan u lir-reġina-omm: “Inżlu u oqogħdu ’l isfel, għax waqgħet minn
fuq raskom, il-kuruna tal-glorja tagħkom.”

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

19L-ibliet ta' Nofsinhar magħluqa, ma hemmx min jiftaħ. Ġuda kollu eżiljat, eżiljat għalkollox.

### L-għajb ta' Ġerusalemm

20Għollu għajnejkom u araw min ġej mit-Tramuntana. Fejn hi l-merħla li ngħatat lilek, in-nagħaġ sbieħ tiegħek?

21Xi tgħid meta jqegħdulek fuqek b'ħakkiema, dawk li int stess darrejt għal miegħek? Ma jaqbdekx uġigħ ta' mara fil-ħlas?

22Int tgħid f'qalbek: 'Għaliex ġrali dan?" Minħabba l-kobor tal-ħażen tiegħek, refgħulek djulek u għarqbejk kixfulek.

23Jaqaw ibiddel ġildu l-Kusi; jew il-ljupard tbajjietu? Daqshekk ieħor tistgħu tagħmlu t-tajjeb, mdorrijin kif intom fil-ħażen.

24Inxerridhom bħall-karfa imtajra mir-riħ tad-deżert.

25Din hi xortik, is-sehem li jmissek minni, oraklu tal-Mulej. Għax inti nsejtni, u ttamajt fil-gideb.

26U jien ukoll nerfagħlek djulek fuq wiċċek, biex b'hekk għawarek jidher.

27Jien rajt qżiżijietek: l-adulterji u t-tnegħim tiegħek, l-għajb taż-żina tiegħek fuq l-għoljiet fil-beraħ. Gwaj għalik Ġerusalemm! Ma titnaddaf qatt! Kemm se ddum hekk?

## Ġeremija 14

### In-nixfa

1Il-kelma tal-Mulej li ġiet lil Ġeremija minħabba n-nixfa:

2"Ġuda bil-vistu, u bwiebha bla ħajja. Niesha lkoll mixħuta fl-art, u għajta ta' diqa tielgħa minn Ġerusalemm.

3Il-kbarat bagħtu l-qaddejja għall-ilma, marru sal-ġwiebi, imma ilma ma sabux. Jerġgħu lura bil-ġarar battala. Imtlew bil-mistħija; infixlu u għattew rashom.

4Ix-xogħol tar-raba' waqaf, għax xita ma kienx hemm fil-pajjiż. Il-bdiewa mtlew bil-mistħija, regħxu u għattew rashom.

5Għax imqar l-għażżiela wildet fir-raba', u telqet il-wild waħdu, għax ħdura ma kienx hemm.

6Il-ħmir selvaġġi waqfu fuq il-blat, jilhġu għan-nifs bħax-xakalli, b'għajnejhom mejta, għax ma kienx hemm ħaxix.

7Imqar jekk ħtijietna jixhdu kontrina, Mulej, minħabba ismek qum, għax ħafna huma ir-ribelljonijiet tagħna, kontrik aħna dnibna.


© 2020 Malta Bible Society.

8Tama ta' Iżrael, Salvatur tiegħu fi żmien il-bżonn! Għala qisek barrani fl-art, jew
vjaġġatur wieqaf għal-lejl.

9Għala qisek bniedem mibluh, bħal wieħed qalbieni ma jistax jgħin? Imma inti
f'nofsna Mulej, u fuqna jissejjaħ ismek. La titlaqniex!

10Dan jgħid il-Mulej dwar dan il-poplu: 'Iħobbu jiġġerrew 'l hemm u 'l hawn,
f'riġlejhom ma għandhomx kwiet. Għalhekk il-Mulej ma għoġbuhx. Issa jiftakar
fi ħżunithom, u jħallashom ta' dnubiethom."

11U l-Mulej qalli: "Titlobx għall-ġid ta' dan il-poplu.

12Jekk isumu ma nismax it-talb tagħhom, u mqar jekk joffru s-sagrifiċċji tal-ħruq
u jagħmlu l-offerti, ma nilqagħhomx, għax bi ħsiebni neqridhom bix-xabla, bil-
ġuħ u bil-pesta."

13U jien għedtlu: "Ah! Sidi l-Mulej, ara l-profeti qegħdin jgħidulhom: 'Ma tarawx
ix-xabla, u ma jkollkomx il-ġuħ, għax sliem sħiħ nagħtikom f'dan il-pajjiż."

14U l-Mulej qalli: "Il-gideb ħabbru f'ismi l-profeti, ma bgħatthomx, ma
kkmandajthomx, ma kellimthomx. Viżjonijiet foloz, sħarijiet u tbatbit, u l-ħolm,
ta' moħħhom, dan ħabbrulkom."

15Għalhekk dan jgħid il-Mulej: "Il-Profeti li qegħdin iħabbru f'ismi bla ma jien
bgħatthom, u qegħdin jgħidu: 'Xabla u ġuħ ma jkunu qatt f'dan il-pajjiż,' dawn il-
profeti bix-xabla u bil-ġuħ għad jintemmu.

16U n-nies li huma qegħdin iħabbrulhom, ikunu minxura mal-art fit-toroq ta'
Ġerusalemm minħabba l-ġuħ u x-xabla; u ma jkun hemm ħadd min jidfen lilhom,
lin-nisa tagħhom, lil uliedhom, subien u bniet. Hżunithom, fuqhom inferragħha.

17"U int għidilhom dan il-kliem: 'Għajnejja jxerrdu d-dmugħ, lejl u nhar bla heda,
għax ix-xebba, bint il-poplu tiegħi, ħadet daqqa kbira u tfarrket, ġerħa bla fejqan
ġarrbet.

18Jekk noħroġ fir-raba', hemm insib il-mejtin bix-xabla. Jekk nidħol fil-belt, insib
il-mifnija bil-ġuħ, għax imqar il-profeta u l-qassis jiġġerrew mitlufin fil-pajjiż.' "

19Tlaqt int 'il Ġuda għalkollox? Stmellejt int 'il Sijon? Għaliex sawwattna bla ma
hemm fejqan għalina? Stennejna s-sliem u ma għandna ebda riżq; żmien il-
fejqan, u arana mwerwra.

20Aħna nafu, Mulej, bi dnubietna, bil-ħażen ta' missirijietna, għax dnibna kontrik.

21Minħabba f'ismek tiċħadniex, tkasbarx it-tron tal-glorja tiegħek, ftakar! Tiksirx
il-patt li għamilt magħna.

22Hemm xi ħadd fost l-allat fiergħa tal-ġnus, li jista' jibgħat ix-xita? Jew jistgħu
jagħtu weħidhom is-smewwiet gliegel ta' ilma? Mhux inti l-Mulej, Alla tagħna?
Fik it-tama tagħna, għax int għamilt dan kollu."


© 2020 Malta Bible Society.

# Ġeremija 15

### It-tweġiba tal-Mulej

1Il-Mulej qalli: "Imqar jekk jiġu quddiemi Mosè u Samwel, mhijiex se ddur qalbi
lejn dan il-poplu. Keċċihom minn quddiemi, ħa jitilqu 'l barra!

2U jekk jistaqsuk: fejn se mmorru, għidilhom: Dan jgħid il-Mulej: 'Min tmissu l-
mewt, għall-mewt; Min tmissu x-xabla, għax-xabla; Min imissu l-ġuħ, għall-ġuħ;
Min imissu l-jasar, għall-jasar.'

3"Jiena rfajtilhom erba' kastigi, oraklu tal-Mulej, ix-xabla biex toqtolhom, il-klieb
biex ikaxkruhom, it-tajr tal-ajru u l-bhejjem tal-art biex jikluhom u jeqirduhom.

4U nagħmel minnhom waħx għas-saltniet kollha tal-art, minħabba Manassi bin
Ħeżekija, sultan ta' Ġuda, għal kulma għamel f'Ġerusalemm."

### It-traġedja ta' Ġerusalemm

5"Min se jħenn għalik Ġerusalemm? Min se jsewwed qalbu għalik? Min se jdur u
jistaqsik kif inti, x'minnek, intix fis-sliem?

6Int ċħadtni, oraklu tal-Mulej, int inġbidt lura u tlaqt. U jien erfajt idejja fuqek, u
ġibtek fix-xejn, għax ma flaħtx iżjed inħenn għalik.

7Derrejthom bil-midra fi bwieb l-art, neżżajthom mit-tfal, u qridt il-poplu tiegħi,
imma huma ma darux minn triqathom.

8Tkattru r-romol tagħhom aktar mir-ramel tal-baħar; jien ġibt fuq omm iż-
żagħżugħ, il-qerried f'nofsinhar; u niżżilt fuqhom għal għarrieda diqa u tnehid.

9L-omm ta' seba' wlied infniet, nifisha nqata'. Ix-xemx tagħha niżlet, meta kien
għadu l-jum, stħat u tħawdet. U 'l min fadal minnhom nerħih għax-xabla
quddiem l-għedewwa tagħhom," oraklu tal-Mulej.

### L-ilmenti ta' Ġeremija

10Imsejken jien, omm! Għaliex ulidtni bniedem ġellied, li għandu xi jgħid mal-
pajjiż kollu? Jien la slift u lanqas issellift, u madankollu kulħadd jisħetni'?

11Jgħid il-Mulej, "Tassew, qdejtek tajjeb! Tassew, ħbatt l-għedewwa għalik, fi
żmien il-hemm, fi żmien id-dwejjaq!

12Jista' l-ħadid ifarrak il-ħadid u l-bronż tat-Tramuntana?

13Ġidek u t-teżori tiegħek nagħti bi priża, mhux bi ħlas, għal dnubietek kollha fit-
territorju kollu tiegħek.

14U nibagħtek fost l-għedewwa tiegħek f'art li int ma tafx għaliex xegħel in-nar
tal-korla tiegħi u fuqkom iħeġġeġ.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

15Mulej, dan int tafu. Ftakar fija u ejja żurni; tħallas minn dawk li jiġru warajja.
Tħallinix ninqered minħabba sabrek. Kun af li minħabba fik qgħadt għat-tagħjir.

16Jien sibt kliemek, u kiltu; u kelmtek saritli l-ferħ u l-hena ta' qalbi; għax ismek
issejjaħ fuqi, Mulej, Alla tal-eżerċti.

17Jien ma mortx fost iż-żufjettużi, ma fraħtx magħhom; jien qgħadt għalija waħdi
quddiem qawwietek għax inti mlejtni bil-korla.

18Għaliex għandi nibqa' mnikket għal dejjem, u l-marda kronika tiegħi ma tfiq
qatt? Se ssir int għalija bħal nixxiegħa qarrieqa li tinxef?"

19Għalhekk dan jgħid il-Mulej: "Jekk iddur lejja, irreġġgħek lejja biex tieqaf
quddiemi; jekk tagħżel dak li jiswa minn dak li ma jiswiex, int tkun bħal fommi.
Jerġgħu lura huma lejk, u mhux int terġa' lura lejhom.

20Nagħmlek sur qawwi tal-bronż kontra dan il-poplu; huma jaħbtu għalik, iżda
ma jkunux jifilħu għalik; għax jiena miegħek, biex neħilsek u nsalvak, oraklu tal-
Mulej.

21Neħilsek mill-qawwa tal-ħżiena, u nifdik minn id it-tiranni."

## Ġeremija 16

### Il-ħajja tal-profeta twiddiba għall-poplu

1U ġietni l-kelma tal-Mulej u qalli:

2"La tiżżewwiġx, u ma jkollokx la subien u lanqas bniet f'dan il-pajjiż.

3Għax dan jgħid il-Mulej għas-subien u l-bniet li jitwieldu f'dan il-post, u dwar
ommijiethom li jilduhom u għal missirijiethom li jnissluhom f'dan il-pajjiż:

4Għad imutu mifnija bil-mard, u ma jibkuhomx, ma jidfnuhomx, imma jħalluhom
bħad-demel f'wiċċ ir-raba'. Jintemmu bix-xabla u bil-ġuħ, u l-iġsma tagħhom
ikunu ikel għat-tajr tal-ajru u l-bhejjem tal-art.

5"Għax dan jgħid il-Mulej: 'La tmurx f'dar il-vistu, la tmurx tibkihom, la tħennx
għalihom, għax jien warrabt il-ħbiberija tiegħi, oraklu tal-Mulej, it-tjieba tiegħi u
l-ħniena tiegħi minn dan il-poplu.

6"U jmutu l-kbar u ż-żgħar f'dan il-pajjiż; u ma jidfnuhomx, ma jibkuhomx, u
ħadd ma jqatta' ġismu u lanqas iqarweż rasu għalihom.

7Lanqas ħadd ma jaqsam il-ħobż ma' min hu mnikket biex ifarrġuh minħabba l-
mejjet. Lanqas ma jisquh il-kus tal-faraġ għall-mewt ta' missieru jew ommu.

8U la tmurx f'dar il-festa biex toqgħod magħhom tiekol u tixrob.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

9“Għax dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti, Alla ta’ Iżrael: ‘Arawni! Quddiem
għajnejkom u fi żmienkom se nsikket f’dan il-post għajjat il-ferħ u għajjat il-hena,
leħen l-għarus u leħen l-għarusa.

10“Jiġri li int tgħarraf ’il dan il-poplu b’dan il-kliem u huma jgħidulek: ‘Għaliex il-
Mulej iħabbrilna din il-ħsara kbira kollha? X’inhija ħżunitna? X’inhuwa dnubna
li għamilna kontra l-Mulej, Alla tagħna?

11“U inti tweġibhom: ‘Għaliex missirijietkom ħallewni, oraklu tal-Mulej, u marru
wara allat oħra, u qdewhom u nxteħtu wiċċhom fl-art quddiemhom, u lili
abbandunawni, u l-liġi tiegħi ma ħarsuhiex.

12U intom imbagħad għamiltu agħar minn missirijietkom, u, arakom, kull wieħed
minnkom mexa wara l-ebusija ta’ qalbu ħażina u ma semax minni.

13Għalhekk inkeċċikom ’il barra minn din l-art f’art oħra li la intom u la
missirijietkom ma tafuha, u hemm taqdu allat oħra, lejl u nhar, għax jien ma
nurix ħniena magħkom.

### Il-wegħda tas-salvazzjoni

14“Għalhekk għad jiġu jiem, oraklu tal-Mulej, meta ma jgħidux aktar: ‘Daqs
kemm hu ħaj il-Mulej li tella’ lil ulied Iżrael mill-art tal-Eġittu’,

15imma daqs kemm hu ħaj il-Mulej li tella’ lil ulied Iżrael mill-art tat-Tramuntana
u mill-artijiet kollha li fihom xerridhom.’ Għax jiena rreġġagħhom lura fl-art li
kont tajt lil missirijiethom.

### Kastig doppju

16“Arawni! Jien nibgħat ħafna sajjieda, oraklu tal-Mulej, u jistaduhom. Imbagħad
nibgħat ħafna kaċċaturi, u jmorru għalihom fuq kull muntanja u fuq kull għolja
u f’kull xaqq blat.

17Għax għajnejja fuq triqathom kollha u huma ma jistgħux jinħbew minn
quddiemi, u lanqas jinsatar dnubhom minn quddiem għajnejja.

18Qabelxejn inħallashom id-doppju għal ħżunithom u dnubhom, talli niġġsuli
arti bil-bluhat moqżieża, u mlew ’il wirti bl-għemejjel mistkerrha tagħhom.”

### Il-konverżjoni tal-ġnus

19Mulej, qawwa tiegħi, fortizza tiegħi! kenn tiegħi f’jum l-hemm! Għandek għad
jiġu l-ġnus, minn truf l-art u jgħidlu: “Gideb biss wirtu missirijietna, frugħa bla
ebda fejda.

20Jista’ l-bniedem jagħmel allat għalih dawk li mhumiex allat?”

21Għalhekk għad nurihom jien, nurihom din id-darba, idi u l-qawwa tiegħi, u
jkunu jafu li ismi hu Jaħweh!”


© 2020 Malta Bible Society.

# Ġeremija 17

### L-idolatrija d-dnub ta' Ġuda

1"Id-dnub ta' Ġuda miktub b'pinna tal-bronż, u b'ponta tad-djamant minqux fuq
it-tavla ta' qalbhom, u fuq il-qrun tal-artali tagħhom.

2Biex jiftakru wliedhom fl-artali tagħhom, u fl-artali tax-xbihat tal-Asera, u s-
siġar iħaddru fuq l-għoljiet għolja

3u l-muntanji fil-wita. Ġidek u t-teżori tiegħek kollha nagħtihom bi priża, għad-
dnub li għamilt fuq għoljietek mal-medda kollha ta' artek!

4U inti minn jeddek terħi l-wirt li tajtek, u nġiegħlek taqdi lill-għedewwa tiegħek
f'art li int ma tafx biha. Għax in-nar tal-korla tiegħi intom xgħeltu, u jibqa'
mqabbad għal dejjem."

5Dan jgħid il-Mulej: "Misħut il-bniedem li jittama fil-bnedmin, li jfittex il-qawwa
tiegħu fil-ġisem, u titbiegħed qalbu mill-Mulej.

6Ikun bħal siġra tal-għargħar fix-xagħri, li ma tara ebda ġid ġej, li tgħammar f'art
tikwi fid-deżert, art mielħa fejn ħadd ma jgħammar.

7Imbierek il-bniedem li jittama fil-Mulej, u l-fiduċja tiegħu fil-Mulej.

8Ikun bħal siġra ħdejn l-ilma mħawla, b'għeruqha mxenxla lejn il-wied; ma
tibżax meta tiġi s-sħana, il-weraq tagħha jibqa' jħaddar; fis-sena tan-nixfa ma
tinkeddx, u ma tehdiex milli tagħmel il-frott.

9Fuq kollox qalb il-bniedem kollha qerq u mħassra. Min jifhimha?

10Jien hu l-Mulej, li nifli l-qalb u ngħarbel il-ġewwieni, biex nagħti 'l kull wieħed
skont imġibtu, skont ma jkun jistħoqq għemilu."

### Alla, it-tama ta' Iżrael

11Bħal-ħaġla li tfaqqas il-bajd li ma tbidx hi; hekk min jaħżen il-ġid, imma mhux
bis-sewwa; f'għomru jkollu jħallih, u fl-aħħar ta' ħajtu jitqies bħall-iblah.

12Tron ta' glorja, fl-għoli sa mill-bidu, hu l-post tal-maqdes tagħna.

13It-tama ta' Iżrael int, Mulej, kull min jabbandunak jitħawwad. Dawk li
jitbiegħdu minnu fit-trab jinkitbu, għax telqu l-Mulej, l-għajn tal-ilma ġieri.

14Fejjaqni int, Mulej, u jien infiq, salvani, u jien inkun salv, għax int il-ftaħir
tiegħi.

15Ara x'qegħdin jgħiduli huma: 'Fejn hi l-kelma tal-Mulej? Ha sseħħ!'

16Jien ma qgħadtx irross fuqek għad-deni, u jum l-hemm qatt ma xtaqtu. Int taf
x'ħareġ minn fommi, kollox qiegħed quddiemek.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

17Tkunx waħx għalija, int il-kenn tiegħi fi żmien l-hemm.

18Ha jitħawdu dawk li jsusu warajja, u ma nitħawwadx jien! Ha jitbeżżgħu huma,
u ma nitbeżżax jien! Niżżel fuqhom Jum id-deni, u kissirhom għal darba tnejn.

### Il-ħarsien tas-Sibt

19Dan qalli l-Mulej: "Mur u oqgħod quddiem il-Bieb ta' Benjamin mnejn jidħlu u
joħorġu s-slaten ta' Ġuda u f'kull bieb ieħor ta' Ġerusalemm.

20U għidilhom: 'Isimgħu l-kelma tal-Mulej, slaten ta' Ġuda u Ġuda kollha u intom
ilkoll li tgħammru f'Ġerusalemm u tgħaddu minn dawn il-bwieb.

21"Dan jgħid il-Mulej: "Qisu, b'risq ħajjitkom, qisu li ma ġġorru ebda tagħbija
nhar ta' Sibt u ddaħħluha minn bwieb Ġerusalemm.

22La toħorġux tagħbijiet minn djarkom f'jum is-Sibt, u ma tagħmlu ebda xogħol,
imma qaddsu jum is-Sibt, bħalma jien ordnajt lil missirijietkom."

23"Imma huma ma ridux jisimgħu u lanqas jagħtu widen, anzi webbsu rashom
biex ma jisimgħux u ma jeħdux it-tagħlima.

24"Jekk intom tassew tisimgħu minni, oraklu tal-Mulej, u ma ddaħħlu ebda
tagħbija minn bwieb dil-belt f'jum is-Sibt, u tqaddsu jum is-Sibt, u ma tagħmlu
ebda xogħol fih,

25jibqgħu jidħlu minn bwieb din il-belt rekbin fuq il-karrijiet u ż-żwiemel is-
slaten u l-prinċpijiet, li joqogħdu fuq it-tron ta' David, huma u n-nies ta' Ġuda u
n-nies li jgħammru f'Ġerusalemm. Il-belt tkun mgħammra għal dejjem.

26U jiġu mill-bliet ta' Ġuda, u mill-inħawi ta' madwar Ġerusalemm, u mill-art ta'
Benjamin, u mis-Sefela u mill-muntanji u min-Nofsinhar u jġibu magħhom
sagrifiċċji tal-ħruq, sagrifiċċji oħra, offerti tal-qmuħ u inċens, u joffru sagrifiċċji
ta' radd il-ħajr f'dar il-Mulej.

27"Imma jekk ma tisimgħux minni li tqaddsu jum is-Sibt u li ma ġġorrux
tagħbijiet u ma tidħlux minn bwieb Ġerusalemm f'jum is-Sibt, jiena nqabbad nar
f'dawn il-bwieb, li jibla' l-palazzi ta' Ġerusalemm, nar li ma jintefiex."

## Ġeremija 18

### Il-fuħħari u t-tafal

1Il-kelma li ġiet lil Ġeremija mingħand il-Mulej u qallu:

2"Qum u inżel għand il-fuħħari: u hemm jiena nsemmgħek kliemi."

3Jiena nżilt għand il-fuħħari, u sibtu qiegħed jaħdem fuq ir-rota.

4U hekk kif il-ġarra li kien qed jaħdem ħarġitlu ħażin, kif jiġrilu t-tafal f'idejn il-
fuħħari, dan raġa' għamel oħra minnha kif għoġob lilu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[5]Imbagħad il-Mulej kellimni u qalli:

[6]"Dar Iżrael, jaqaw ma nistax nimxi magħkom bħal dan il-fuħħari?" Oraklu tal-
Mulej. "Bħalma hu t-tafal f'idejn il-fuħħari, hekk intom f'idejja, dar Iżrael.

[7]Hekk jien xi drabi naqtagħha li poplu jew saltna naqlagħha, inġarrafha u
neqridha;

[8]jekk imbagħad dan il-ġens jindem mill-ħażen li kontrih inkun tkellimt, jiena
nindem mill-ħsara li nkun qtajt li nagħmillu.

[9]"Drabi oħra naqtagħha li poplu jew saltna nibniha u nħawwilha;

[10]jekk imbagħad dan il-poplu jagħmel il-ħażen li ma jogħġobnix billi ma jismax
kliemi, jiena nindem mill-ġid li nkun qtajt li nagħmillu.

[11]"Issa mur kellem lin-nies ta' Ġuda u n-nies li jgħammru f'Ġerusalemm u
għidilhom: Dan jgħid il-Mulej, 'Arawni, jien qiegħed inħejji ħsara għalikom u
nfassal pjan kontrikom. Erġgħu lura, kull wieħed minn triqtu l-ħażina. Sewwu
triqatkom u għemilkom!'

[12]"U huma jwieġbu: 'Kollu ta' xejn! Skont fehmietna rridu nimxu, u kull wieħed
jimxi skont l-ebusija ta' qalbu l-ħażina.' "

### Ġuda żnaturat

[13]"Għalhekk dan jgħid il-Mulej: Stħarrġu fost il-ġnus. Min qatt sama' bi ħwejjeġ
bħal dawn? Għemil li jkexkex għamlet ix-xbejba ta' Iżrael!

[14]Jaqaw jgħib mill-għoli tal-blat, is-silġ tal-Libanu? Jinxfu forsi l-ilmijiet kiesħa li
jgelglu 'l isfel mill-muntanji?

[15]Imma l-poplu tiegħi nsieni, u marru joffru l-inċens lix-xejn. Fixkluhom fi
triqathom, il-mogħdijiet ta' dari, biex qabdu s-sqaqien, u mhux it-triq imbattma.

[16]Biex għamlu ħerba minn arthom, ħaġa taż-żuffjett għal dejjem. Kull min
jgħaddi jistagħġeb, u jħarrek rasu.

[17]Bħalma jagħmel ir-riħ mil-Lvant, jien inxerridhom quddiem l-għedewwa.
Nagħtihom dahri minflok wiċċi, f'jum qerdithom!"

### Il-komplott kontra l-Profeta

[18]L-għedewwa tiegħi qalu: "Ejjew nonsbu nasba lil Ġeremija, għax il-liġi ma
tonqosx lill-qassis, lanqas l-għaqal lill-għaref, jew il-kelma lill-profeta. Ejjew
noqtluh bi lsienna, u ma nagħtux aktar kas ta' kliemu."

[19]Agħtini widen, Mulej, isma' kliem dawk li huma kontrija.

[20]Jaqaw il-ġid jitħallas bid-deni? Għax huma ħaffru ħofra għal ħajti. Ftakar kif
jien waqaft quddiemek, biex nitkellem għall-ġid tagħhom, biex twarrab il-korla
tiegħek minn fuqhom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

21Għalhekk erħi 'l uliedhom għall-ġuħ, u itlaqhom f'idejn ix-xabla, u jkunu bla tfal
u romol in-nisa tagħhom. Ħa jmutu l-irġiel tagħhom bil-pesta, u ż-żgħażagħ
tagħhom midruba bix-xabla fit-taqbida.

22Ħa jinstama' t-twerżiq minn djarhom, meta għal għarrieda tibgħat fuqhom il-
ħallelin. Għax ħaffru ħofra biex jaqbduni, u nasbu trabokk għal riġlejja.

23U inti taf, Mulej, fehmiethom kollha biex joqtluni; la taħfrilhomx ħżunithom, u
la tħassarx 'il dnubhom minn quddiemek. Ħa jsabbtuhom mal-art quddiemek;
agħmel għalihom fi żmien il-korla tiegħek!

## Ġeremija 19

### Il-ġarra tal-fuħħar simbolu tal-poplu midneb

1Dan qal il-Mulej lil Ġeremija "Mur ixtri ġarra tal-fuħħar u ħu lil xi wħud mill-
anzjani tal-poplu u mill-anzjani tal-qassisin,

2u mur oħroġ fil-wied ta' Benħinnom li hemm biswit Bieb ix-Xaqquf, u hemm
xandar il-kliem li se ngħidlek.

3Inti tgħid: 'Isimgħu l-kelma tal-Mulej, intom slaten ta' Ġuda u nies ta'
Ġerusalemm. Dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti, Alla ta' Iżrael: Arawni se nġib il-ħsara
fuq dan il-post, li kull min jisma' biha jżarżru widnejh.

4Għax huma telquni u pprofanaw dan il-post billi ħarqu l-inċens lill-allat
barranin li, la huma, la missirijiethom, u lanqas is-slaten ta' Ġuda ma kienu jafu
bihom. Imlew dan il-post bid-demm tal-innoċenti.

5Bnew is-santwarji ta' Bagħal, biex jaħarqu bin-nar lil uliedhom b'sagrifiċċji tal-
ħruq lil Bagħal. Hwejjeġ bħal dawn jien qatt ma kkmandajthom jagħmlu, lanqas
biss semmejthom, u qatt ma għaddewli minn moħħi.

6'Għalhekk għad jasal żmien, oraklu tal-Mulej, li dan il-post ma jissejjaħx aktar
'Tofet' jew 'Wied Benħinnom', imma 'Wied il-Qatla'.

7U hawn f'dan il-post jien inġib fix-xejn fehmiet Ġuda u Ġerusalemm, u
nwaqqagħhom bix-xabla quddiem l-għedewwa tagħhom, u b'id dawk li jkunu
jfittxulhom ħajjithom, u nħalli l-iġsma tagħhom għall-ikel tat-tjur tal-ajru u l-
bhejjem tal-art.

8U nagħmel ħerba minn din il-belt u post għaż-żufjett; u kull min jgħaddi minnha
jibqa' mistagħġeb biha u jsaffrilha minħabba l-ġrieħi tagħha.

9Inġagħalhom jieklu laħam subienhom u laħam bniethom, għax għad jieklu
laħam xulxin fi żmien l-assedju u d-diqa li għad iġibu fuqhom l-għedewwa u
dawk li għad ifittxulhom ħajjithom.'

10"Inti mbagħad tkisser il-ġarra quddiem in-nies li jiġu miegħek,


© 2020 Malta Bible Society.

11u tgħidilhom: 'Dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti: Hekk għad inkisser dan il-poplu u din il-belt, bħalma titkisser ġarra tal-fuħħar, bla ma tkun tista' tissewwa. U f'Tofet għad jidfnu għax ma jkunx hemm post ieħor fejn.

12Dan nagħmel lil dan il-post, oraklu tal-Mulej, u lil min jgħammar fih, u lil din il-belt nagħmilha bħal Tofet.

13U djar Ġerusalemm u djar is-slaten ta' Ġuda jitniġġsu bħal Tofet, id-djar kollha li fuq bjuthom kienu jaħarqu l-inċens lill-eżerċti kollha tas-smewwiet u jsawbu libazzjonijiet lill-allat barranin.' "

14U Ġeremija telaq minn Tofet, fejn il-Mulej kien bagħtu jħabbar, u mar fil-bitħa tat-tempju tal-Mulej u qal lill-poplu kollu:

15"Dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti, Alla ta' Iżrael: 'Arawni, jien se nġib fuq din il-belt u fuq l-ibliet li jagħmlu minnha l-ħsara kollha li jien ħabbartilha, għax huma webbsu rashom, biex ma jisimgħux kliemi."

## Ġeremija 20

### Ġeremija mixħut fil-ħabs

1U Pasħur bin Immer, il-qassis, kap tal-għassiesa fit-tempju tal-Mulej, sama' lil Ġeremija jħabbar dan kollu.

2U Pasħur sawwat lil Ġeremija l-profeta, u tefgħu fiċ-ċipp li hemm fil-bieb l-għoli ta' Benjamin, fit-tempju tal-Mulej.

3U l-għada Pasħur ħareġ lil Ġeremija miċ-ċipp, u Ġeremija qallu: "Il-Mulej ma jsemmikx iżjed Pasħur, imma Biża'-minn-kull-naħa.'

4Għax dan jgħid il-Mulej: 'Arani se nagħmlek waħx għalik innifsek u għal ħbiebek kollha; għad jaqgħu mejta bix-xabla tal-għedewwa tagħhom, u int tarahom b'għajnejk. Jien nitlaq lil Ġuda kollu f'idejn is-sultan ta' Babilonja, u hu jitturufnahom f'Babilonja, u jidrobhom bix-xabla.

5U nerħi l-ġid kollu ta' din il-belt, u l-qligħ kollu tagħha, u l-ħwejjeġ prezzjużi kollha tagħha, u t-teżori kollha tas-sultan ta' Ġuda, kollox nerħi f'idejn l-għedewwa tagħhom; għad jisirquhom, jeħduhom u jġorruhom f'Babilonja.

6U inti, Pasħur, u kull min jgħammar f'darek, tmorru fil-jasar; tmur f'Babilonja, u hemm tmut u hemm tindifen, int u ħbiebek kollha, li lilhom kont tħabbar il-gideb.' "

### Il-karba tal-Profeta

7Qarraqtni, Mulej, u jien tqarraqt: kont aqwa minni, u għelibtni. Jien sirt id-daħka ta' kuljum, kulħadd jiddieħak bija.


© 2020 Malta Bible Society.

8Kull meta niġi biex nitkellem, jien ngħajjat, u nxandar, 'Moħqrija u ħsara!' Il-kelma tal-Mulej saret għalija tagħjir u tmaqdir kuljum.

9U jien għedt: 'Ma nsemmihx aktar, ma nitkellimx aktar f'ismu.' Iżda f'qalbi hemm bħal nar jaqbad, magħluq f'għadmi. Għejejt inżommu magħluq ġo fija, ma niflaħx aktar għalih.

10Ma nismax ħlief taqsis il-kotra; biża' madwari kollu! "Ixluh! Ha nixluh!" Jgħajtu saħansitra ħbiebi kollha, jfittxu l-qerda tiegħi: "Għandu mnejn jitqarraq u negħlbuh, ta' kollox nitħallsu minnu!"

11Il-Mulej miegħi bħal raġel qalbieni, għalhekk dawk li jagħmlu għalija jogħtru, ma jagħmlu xejn, jitħawdu bis-sħiħ, għax ħsiebhom ma jseħħx; għajb għalihom li ma jintesa qatt.

12Int, Mulej tal-eżerċti, li ġġarrab il-ġust, li tara l-ġewwieni u l-qalb, ħallini nara l-vendetta tiegħek kontrihom, għax f'idejk ħallejt il-kawża tiegħi.

13Għannu lill-Mulej, faħħru lill-Mulej, għaliex ħajjet l-imsejken ħelisha minn id il-ħżiena.

14Saħta fuq il-jum li fih twelidt, ebda barka fuq il-jum li fih wilditni ommi!

15Saħta fuq ir-raġel li ħabbar lil missieri, u qallu: "Twelidlek tifel," u mlieħ fil-ferħ.

16Ha jkun dar-raġel bħall-ibliet, li ġarrafhom il-Mulej bla ma sogħob bih; ħa jisma' l-għajjat filgħodu u t-twerżiq f'nofsinhar.

17Għax ma tanix il-mewt f'ġuf ommi? Kienet tkun ommi l-qabar tiegħi u jibqa' ġufha bit-tqala għal dejjem.

18Għaliex ħriġt mill-ġuf, biex nara t-taħbit u t-tbatija, u ntemm jiemi fl-għajb?

## Ġeremija 21

### Ix-xorti ta' Sedekija u Ġerusalemm

1Il-kelma li waslet lil Ġeremija mingħand il-Mulej meta s-sultan Sedekija bagħatlu lil Pasħur bin Malkija, u 'l Sefanija bin Magħxija l-qassis, jitolbuh:

2'Stħarreġ il-Mulej għalina, għax Nabukodonosor sar sultan ta' Babilonja, ħabat għalina; għandu mnejn il-Mulej iġib ruħu magħna skont l-għemejjel tiegħu tal-għaġeb u dan jitbiegħed minna."

3U Ġeremija weġibhom: 'Dan għandkom tgħidu lil Sedekija:

4"Dan jgħid il-Mulej, Alla ta' Iżrael: Arawni, sa ndawwar l-armi li għandkom f'idejkom, li bihom qegħdin titqabdu mas-sultan ta' Babilonja, u l-Kaldin li qegħdin jassedjawkom minn barra s-swar, u niġborhom f'nofs din il-belt.


© 2020 Malta Bible Society.

5Jiena stess nitqabad kontrikom b'id merfugħa u bi driegħi qawwi, b'għadab,
b'saħna u b'qilla kbira.

6U nidrob lil min jgħammar f'din il-belt, kemm in-nies u kemm il-bhejjem; imutu
b'pesta kbira.

7U mbagħad, oraklu tal-Mulej, jien nitlaq f'idejn Nabukodonosor, sultan ta'
Babilonja, u f'idejn l-għedewwa tagħhom, u f'idejn dawk li qegħdin ifittxulhom
ħajjithom, lil Sedekija, sultan ta' Ġuda, u l-qaddejja tiegħu u l-poplu u 'l min jeħles
f'din il-belt mill-pesta, mix-xabla u mill-ġuħ, u hu jgħaddihom minn xifer ix-
xabla; la jitħassarhom, la jħoss għalihom, u lanqas iħenn għalihom.'

8"U lil dan il-poplu għandek tgħidlu: 'Dan jgħid il-Mulej: Arawni, se nqiegħed
quddiemkom it-triq tal-ħajja u t-triq tal-mewt.

9In-nies li jifdal f'din il-belt se jmutu bix-xabla, bil-ġuħ u bil-pesta; u min joħroġ
u jagħti ruħu lill-Kaldin li qegħdin jassedjawkom jgħix, u jkollu ħajtu bħala priża.

10Għax jien dawwart wiċċi fuq din il-belt għad-deni u mhux għall-ġid, oraklu tal-
Mulej, għad tingħata f'idejn is-sultan ta' Babilonja u dan jagħtiha n-nar u
jaħraqha.'

11U lid-dar tas-sultan ta' Ġuda għidilha: "Isimgħu l-kelma tal-Mulej,

12dar David, dan jgħid il-Mulej: Agħmlu ħaqq sa minn filgħodu, eħilsu l-maħqur
minn id min jgħakksu, li ma tikbisx qillti bħan-nar, u tibqa' tħeġġeġ bla ma ħadd
jitfiha, minħabba l-ħażen ta' għemilkom.

13Arani kontrik, int li tgħammar fil-wied, blata tal-wita, oraklu tal-Mulej. Intom
li tgħidu: 'Min qatt se jinżel għalina, u min qatt se jidħol ġo djarna?'

14U jien inħallaskom skont il-frott ta' għemilkom, oraklu tal-Mulej, u nkebbes in-
nar fil-masġar tagħha, u jibla' l-inħawi kollha ta' madwarha!

## Ġeremija 22

### Oraklu kontra s-slaten ta' Ġuda

1Dan qalli l-Mulej: "Inżel id-dar tas-sultan ta' Ġuda u hemm ħabbar dan il-kliem.

2Għidlu: 'Isma' l-kelma tal-Mulej, sultan ta' Ġuda, int li qiegħed fuq it-tron ta'
David; int u l-qaddejja tiegħek u l-poplu tiegħek, li jgħaddu minn dawn il-bwieb.

3"Dan jgħid il-Mulej: 'Agħmlu l-ħaqq u s-sewwa u eħilsu l-maħqur minn id l-
oppressuri u l-barrani, l-iltim u l-armla la tgħakksuhomx, la tagħmlulhomx
vjolenza. La xxerrdux demm l-innoċenti f'dan il-post.

4'Għax jekk intom tassew tħarsu dan il-kliem, jibqgħu jidħlu minn dan il-bieb is-
slaten, li qegħdin fuq it-tron ta' David, rekbin fuq il-karrijiet u fuq iż-żwiemel,
huma u l-qaddejja u l-poplu tagħhom.


© 2020 Malta Bible Society.

5Imma jekk ma tisimgħux dan il-kliem, naħlef bija nnifsi, oraklu tal-Mulej, issir
ħerba minn din id-dar.

6Għax dan jgħid il-Mulej għad-dar tas-sultan ta' Ġuda: Bħal Gilgħad int għalija,
bħall-quċċata tal-Libanu, imma nagħmel minnek deżert, belt bla nies.

7Inħejji għalik nies qerrieda, kull wieħed bl-armi tiegħu, u jqaċċtu l-aħjar taċ-
ċedri tiegħek u jwaddbu kollox fin-nar.

8'U minn din il-belt għad jgħaddu kotra ta' ġnus u jistaqsu lil xulxin: 'Għala l-
Mulej għamlilha hekk lil din il-belt kbira,'

9u jweġbuhom: 'Għaliex abbandunaw il-patt tal-Mulej, Alla tagħhom, u niżlu
wiċċhom fl-art quddiem allat oħra u qdewhom.' "

## Is-sultan Sallum

10La tibkux il-mejjet, la tnewħux għalih, imma ibku sewwa għal min hu sejjer,
għax ma jerġa' lura qatt, u lanqas qatt ma jara art twelidu.

11Għax dan jgħid il-Mulej lil Sallum bin Ġosija, sultan ta'Ġuda, li kien isaltan flok
Ġosija missieru, u ħareġ minn dan il-post: "Mhux se jerġa' lura hawn, qatt iżjed.

12Għax fil-post fejn eżiljawh, priġunier hemm għad imur. U din l-art ma jaraha
qatt iżjed."

## Ġeħojakim

13Gwaj għal min jibni daru fuq il-ħażen, u l-kmamar ta' fuq bl-inġustizzja; li
jħaddem lil għajru għal xejn, u ta' xogħlu ma jħallsux;

14li jgħid: 'Ha nibni dar għalija kbira, bi kmamar fuq imrewħa sewwa'; li jiftaħ
fiha twieqi kbar, jiksiha biċ-ċedru u jiżbogħha bl-aħmar.

15Taħseb int li qiegħed issaltan, għax miklub għaċ-ċedru? Jaqaw missierek ma
kienx jiekol u jixrob? Ma kienx jagħmel il-ħaqq u s-sewwa, u kellu r-riżq?

16Kien jagħmel il-ħaqq mal-magħkus, u kellu r-riżq u mal-fqir; Mhux dan ifisser
tagħraf lili? Oraklu tal-Mulej.

17Ma għandekx għajnejn u qalb ħlief għall-qligħ tiegħek diżonest, u għat-tixrid
ta' demm in-nies bla ħtija, u għat-taqriq u t-tagħkis ta' ħaddieħor.

18Għalhekk dan jgħid il-Mulej lil Ġeħojakim bin Ġosija, sultan ta' Ġuda; "Ma
jitnehdux għalih u jgħidu: 'Jaħasra ħija!' jew 'Jaħasra oħti!' Ma jitnehdux għalih
u jgħidu: 'Jaħasra sidi!' jew 'Jaħasra l-kobor tiegħu!'

19Difna ta' ħmar jidfnuh, barra bwieb Ġerusalemm għad ikaxkruh u jarmuh."

## Ġerusalemm Imħarbta

20Itla' fuq il-Libanu u għajjat, u għolli leħnek f'Basan; għajjat minn Għabarim,
għax ħbiebek ilkoll inqerdu.


© 2020 Malta Bible Society.

21Kellimtek meta int kont fir-riżq, u int għedt: "Ma rridx nisma' ". Din kienet
triqtek sa minn żgħożitek, għax qatt ma smajt minn kliemi.

22Ir-rgħajja tiegħek kollha jġorrhom ir-riħ, u ħbiebek kollha jmorru fil-jasar.
Imbagħad tistħi u titħawwad, minħabba l-ħażen kollu tiegħek.

23U int li tgħammar fil-Libanu, int li tbejjet fiċ-ċedri, kemm għad trid tokrob,
meta jaqbdek l-uġigħ, l-uġigħ u t-tkagħwiġ ta' mara fil-ħlas.

### Ġekonija

24Daqs kemm jien ħaj, oraklu tal-Mulej, imqar kieku Konija bin Ġeħojakim,
sultan ta' Ġuda, kien iċ-ċurkett tas-siġill f'idi l-leminija, minn hemm kont
naqilgħek.

25Nitilqek f'idejn dawk li qegħdin ifittxulek ħajtek; f'idejn dawk li int tibża'
minnhom u f'idejn Nabukodonosor, sultan ta' Babilonja, u f'idejn il-Kaldin.

26U jien inwaddab lilek u lil ommok li wilditek, f'art oħra li intom ma twelidtux
fiha, u hemm tmutu.

27U l-art, li jixtiequ jerġgħu lura fiha, qatt iżjed ma' jerġgħu lura fiha.

28X'inhu Konija? Xi biċċa fuħħar għar-rimi u għat-tkissir? Xi ħaġa ma togħġob lil
ħadd? Għala hu u nislu mkeċċija, mitfugħa f'art li biha ma jafux?

29O art, art, art, isimgħu l-kelma tal-Mulej.

30Dan jgħid il-Mulej: "Iktbu 'l dan ir-raġel bħallikieku bla tfal, bniedem bla riżq
f'ħajtu. Għax ħadd minn nislu ma jirnexxilu jsib post fuq it-tron ta' David, u jerġa'
jsaltan fuq Ġuda."

## Ġeremija 23

### Is-saltna Messjanika

1"Gwaj għar-rgħajja li jeqirdu u jxerrdu l-merħla tal-mergħa tiegħi, oraklu tal-
Mulej.

2Għalhekk dan jgħid il-Mulej, Alla ta' Iżrael, lir-rgħajja, li jirgħu l-poplu tiegħi:
'Intom xerridtu n-nagħaġ tiegħi, gerrixtuhom u ma ħadtux aktar ħsiebhom.
Arawni, se naħseb fikom jien minħabba l-ħażen ta' għemilkom, oraklu tal-Mulej.

3U jiena niġbor il-fdal tal-nagħaġ tiegħi mill-artijiet kollha li xerridthom fihom, u
rreġġagħhom lura lejn il-mergħa tagħhom, u jnisslu u joktru.

4U nqiegħed fuqhom rgħajja li jirgħuhom, u ma jitbeżżgħux aktar, ma
jitwaħħxux; u ħadd minnhom ma jonqos, oraklu tal-Mulej.

5Araw, għad jasal żmien, oraklu tal-Mulej, meta nqajjem lil David rimja ġusta, li
jsaltan ta' sultan, u jmexxi bil-għaqal u jagħmel is-sewwa u l-ħaqq fil-pajjiż.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

6Fi żmienu Ġuda jkun salv, U Iżrael jgħammar fiż-żgur. U dan hu l-isem li
jsejħulu: 'Il-Mulej is-Sewwa tagħna.'

7Għalhekk: Arawhom, ġejjin jiem, oraklu tal-Mulej, meta ma jgħidux iżjed 'Daqs
kemm hu ħaj il-Mulej, li tella' 'l ulied Iżrael mill-art tal-Eġittu'

8imma: 'Daqs kemm hu ħaj il-Mulej, li tella' u ħareġ in-nisel ta' dar Iżrael mill-art
tat-Tramuntana, u mill-artijiet kollha li fihom xerridhom.' Imbagħad jistgħu
jgħammru f'arthom."

### Orakli kontra l-Profeti

9Għall-profeti: Qalbi nqasmet ġewwa fija; għadmi kollu mkexkex; sirt qisni
bniedem fis-sakra, bħal raġel ħadu l-inbid, minħabba l-Mulej, u minħabba l-
kliem imqaddes tiegħu.

10Għax il-pajjiż miżgħud bl-adulterji; minħabba fihom l-art tbikkik, u l-mergħat
fid-deżert nixfu. U l-ġiri tagħhom kollu ħażin, u saħħithom l-inġustizzja.

11Għax imqar il-profeta u l-qassis, ilkoll midgħajja. Saħansitra f'dari sibt
ħżunithom, oraklu tal-Mulej.

12Għalhekk triqthom tkunilhom mogħdija kollha żliq, fid-dlam jinxteħtu fiha u
jogħtru, għax inġib fuqhom il-ħsara fis-sena ta' kastighom, oraklu tal-Mulej.

13U fost il-profeti ta' Samarija rajt ukoll ħwejjeġ li jdardruk: iħabbru f'isem
Bagħal, u jqarrqu b'Iżrael il-poplu tiegħi.

14Fost il-profeti ta' Ġerusalemm, imbagħad, rajt ħwejjeġ ikexkxuk: adulterji u
mġiba giddieba; isaħħu id il-ħżiena, biex ħadd minnhom ma jerġa' lura minn
ħżunitu. Ilkoll għalija qishom Sodoma, u n-nies tagħha bħal Gomorra.

15Għalhekk dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti kontra l-profeti: "Arawni, sa
nitmagħhom l-absint, u nisqihom l-ilma avvelenat, għax mingħand il-profeti ta'
Ġerusalemm xtered il-ħażen mal-art kollha."

16Dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti: "La tisimgħux kliem li jħabbrulkom il-profeti
biex jimlewlkom moħħkom bil-frugħat. Jgħidulkom li jiġihom f'qalbhom, u mhux
li jiġihom minn fomm il-Mulej.

17Qegħdin jgħidulhom lil dawk li jistmerru l-kelma tal-Mulej: 'Ikollkom is-sliem,'
u lil dawk li jagħmlu li jiġihom f'moħħhom jgħidulhom: 'Ebda deni mhu se
jilħaqkom!"

18Min minnhom qagħad fil-kunsill tal-Mulej, u ra u sama' kelmtu? Min ta widen
għal kelmtu biex isemmagħha?

19Arawh, ir-riefnu tal-Mulej! Xegħel għadbu bħal tempesta qawwija, li se tfaqqa'
fuq ras il-ħżiena.


© 2020 Malta Bible Society.

[20]Għax is-saħna tal-Mulej ma terġax lura, qabel ma tkun għamlet u temmet ħsieb
moħħu. Fl-aħħar jiem tifhmuh sewwa.

[21]Ma bgħatthomx jien dawn il-profeti, għalkemm huma marru jiġru! Ma
kellimthomx, għalkemm huma marru jħabbru.

[22]Kieku qagħdu fil-kunsill tiegħi, kienu jsemmgħu kelmti lill-poplu tiegħi, u
jreġġgħuhom lura minn triqathom, u mill-ħażen ta' għemilhom.

**Il-ħolm u l-qerq tal-profeti foloz**

[23]"Jaqaw jien Alla fil-qrib biss, oraklu tal-Mulej, mhux ukoll Alla fil-bogħod?

[24]Jista' bniedem jistaħba fil-moħbiet, u jien ma narahx? Oraklu tal-Mulej. Ma
nimliex jiena is-sema u l-art? Oraklu tal-Mulej.

[25]"Jien smajt x'qalu l-profeti li jħabbru l-gideb f'ismi u jgħidulhom: 'Kelli ħolma!
Kelli ħolma!'

[26]Kemm se jdum sejjer dan? Jaqaw jien f'qalb il-profeti li jħabbru l-gideb, li
jħabbru t-thewdin ta' moħħhom?

[27]Jaħsbu li bil-ħolm tagħhom, li jgħidu wieħed lil ieħor, se jnessu ismi lill-poplu,
bħalma nsew ismi missirijiethom minħabba Bagħal?

[28]Ħalli l-profeta li jkollu xi ħolma, jirrakkonta l-ħolm, u min ikollu l-kelma tiegħi,
ħa jxandarha bis-sewwa. X'għandu x'jaqsam it-tiben mal-qamħ? Oraklu tal-
Mulej.

[29]Jaqaw mhijiex kelmti bħan-nar, jew bħal imterqa tfarrak il-blat? Oraklu tal-
Mulej.

[30]"Għalhekk jiena kontra l-profeti, Oraklu tal-Mulej, li jisirqu kliemi mingħand
xulxin.

[31]Arawni, jien kontra l-profeti, Oraklu tal-Mulej, li jħaddmu lsienhom u jxandru
l-orakli.

[32]Arawni, jien kontra l-profeti li jħabbru ħolm giddieb, oraklu tal-Mulej,
jirrakkuntaw u jqarrqu bil-poplu tiegħi bil-gideb u l-ftaħir fieragħ tagħhom. Jien
ma bgħatthomx u lanqas ordnajtilhom xejn, u mhuma jagħmlu ebda ġid lil dan
il-poplu, oraklu tal-Mulej.

[33]"Meta jistaqsik dan il-poplu, jew xi profeta jew xi qassis, u jgħidlek: 'X'inhu l-
oraklu tal-Mulej?' int għandek twieġeb: 'Intom it-toqol tal-Mulej! Għalhekk jiena
rmejtkom, jgħid il-Mulej.'

[34]"U jekk xi profeta jew xi qassis jew xi ħadd mill-poplu jsemmi 'l-oraklu tal-
Mulej', jien nikkastiga 'l dak il-bniedem u l-familja tiegħu.


© 2020 Malta Bible Society.

35“Hekk għandkom tistaqsu wieħed lil ieħor bejnietkom: ‘X’wieġeb il-Mulej?’ jew
‘X’qal il-Mulej?’

36Imma l-oraklu tal-Mulej m’għandkomx issemmuh aktar, għaliex għal dak li
jkun, l-oraklu jkun kliemu stess. Intom qegħdin tgħawġu l-kliem ta’ Alla l-ħaj, il-
Mulej tal-eżerċti, Alla tagħna.

37Hekk għandkom tistaqsu lill-profeta: ‘X’wieġeb il-Mulej?’ jew ‘X’qal il-Mulej?’

38Imma jekk tibqgħu tgħidu ‘l-oraklu tal-Mulej’, allura dan jgħid il-Mulej: ‘Talli
intom bqajtu tgħidu din il-kelma: ‘oraklu tal-Mulej’, meta jien għedtilkom biex
ma tgħidux: ‘oraklu tal-Mulej’,

39arawni, jien se nerfagħkom bħal toqol u nwaddabkom ’il barra minn quddiemi,
lilkom u lill-belt li tajt lilkom u lil missirijietkom,

40inniżżel għajb fuqkom għal dejjem u mistħija għal dejjem li qatt ma jintesew.’
”

## Ġeremija 24

### Il-qfief bit-tin

1Il-Mulej urieni żewġt iqfief mimlija tin, quddiem it-tempju tal-Mulej, wara li
Nabukodonosor, sultan ta’ Babilonja, ħa fl-eżilju minn Ġerusalemm lil Ġekonija
bin Ġeħojakim, sultan ta’ Ġuda, u l-prinċpijiet ta’ Ġuda, u n-nies tas-sengħa u l-
ħaddieda, u ħadhom f’Babilonja.

2Qoffa waħda kien fiha tin tajjeb ħafna, bħat-tin tal-bikri, u l-qoffa l-oħra kien
fiha tin ħażin ħafna, li ma kontx tista’ tieklu minħabba ħżunitu.

3U l-Mulej qalli: “X’inti tara, Ġeremija?” U jien weġibt: “Tin! It-tin it-tajjeb, tajjeb
tassew; u t-tin il-ħażin, ħażin tassew, u ma tistax tieklu minħabba ħżunitu.”

4U ġietni l-kelma tal-Mulej u qalli:

5“Dan jgħid il-Mulej, Alla ta’ Iżrael: Bħal dan it-tin tajjeb, jien nitgħaxxaq bl-
itturufnati ta’ Ġuda, li jien bgħatthom minn dan il-pajjiż fl-art tal-Kaldin.

6Nixħet għajnejja fuqhom għall-ġid tagħhom, u rreġġagħhom lura f’din l-art, u
nibnihom mill-ġdid u ma nħotthomx; inħawwilhom u ma naqlagħhomx.

7Nagħtihom qalb li tagħrafni; għax jien il-Mulej; u huma jkunu l-poplu tiegħi, u
jiena nkun Alla tagħhom, meta jerġgħu lura lejja b’qalbhom kollha.

8“U bħat-tin il-ħażin li ma tistax tieklu minħabba ħżunitu, hekk jgħid il-Mulej,
hekk nagħmel ma’ Sedekija, sultan ta’ Ġuda, u mal-prinċpijiet, ma’ min fadal mill-
poplu ta’ Ġerusalemm, li jibqgħu jgħixu fil-pajjiż, u dawk li marru jgħammru fl-
Eġittu.


© 2020 Malta Bible Society.

9Jien nagħmel minnhom waħx għas-saltniet kollha tal-art, għajb u taqbil, daħk u
saħta għall-pajjiżi kollha li fihom inkun xerridthom.

10U nibgħat f'nofshom ix-xabla, il-ġuħ, il-pesta, sakemm ma ntemmhomx mill-
art li jien tajt lilhom u lil missirijiethom."

# Ġeremija 25

### Sebgħin sena eżilju

1Il-kelma li ġiet lil Ġeremija, għall-poplu kollu ta' Ġuda, fir-raba' sena ta'
Ġeħojakim bin Ġosija, sultan ta' Ġuda, l-ewwel sena ta' Nabukodonosor, sultan
ta' Babilonja -

2il-kelma li xandar Ġeremija lill-poplu kollu ta' Ġuda u n-nies kollha li jgħammru
f'Ġerusalemm u qalilhom:

3"Mis-sena tlittax ta' Ġosija bin Amon, sultan ta' Ġuda, sa dan il-jum għaddew
issa tlieta u għoxrin sena minn meta ġietni l-kelma tal-Mulej, u jien kellimtkom
bla heda u intom ma smajtux.

4U l-Mulej bagħtilkom il-qaddejja tiegħu, il-profeti, bla heda bagħathomlkom,
imma intom ma smajtux minnhom, u anqas tajtu widen biex tisimgħu.

5Dawn kienu jgħidulkom: 'Erġgħu lura, kull wieħed lura minn triqtu l-ħażina u
mill-ħażen ta' għemilkom, u tibqgħu fl-art li l-Mulej ta lilkom u lil missirijietkom
minn dejjem u għal dejjem.

6Tmorrux wara allat oħra, taqduhomx, tadurawhomx; u la tinkunix b'għemil
idejkom, u jien ma nagħmlilkomx ħsara.'

7Imma intom ma smajtux minni, oraklu tal-Mulej, biex inkejtuni b'għemil
idejkom bi ħsara għalikom stess."

8Għalhekk dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti: 'Talli ma smajtux kelmti,

9arawni, se nibgħat inġib il-ġnus kollha tat-Tramuntana, oraklu tal-Mulej, u
Nabukodonosor, sultan ta' Babilonja, il-qaddej tiegħi, u nġibhom kontra din l-art
u kontra min jgħammar fiha u kontra dawn il-ġnus kollha ta' madwarha u
nitlaqhom għall-qerda, u nagħmel minnhom waħx, daħk u tħarbit għal dejjem.

10Insikket minn nofshom għajjat il-ferħ u għajjat il-hena, leħen l-għarus u leħen
l-għarusa, il-ħoss tal-mitħna u d-dawl tal-musbieħ.

11U din l-art kollha tkun ħerba u xagħra; u għal sebgħin sena jibqgħu dawn il-
ġnus iservu lis-sultan ta' Babilonja.

12U jiġri, imbagħad, li malli jintemmu s-sebgħin sena, jien nikkastiga għal
dnubhom is-sultan u l-poplu ta' Babilonja, oraklu tal-Mulej, u l-art tal-Kaldin, u
nagħmel minnha tħarbit għal dejjem.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[13]“U jien nagħmel li jseħħ kliemi li jien lissint kontra tagħha, kulma hu miktub f’dan il-ktieb, li Ġeremija ħabbar kontra l-ġnus kollha.

[14]Għax għad jaħkmu fuqhom ħafna ġnus u slaten kbar u jien inħallashom skont xogħolhom u għemil idejhom.’ ”

### It-tazza ta’ għadab il-Mulej

[15]Dan qalli l-Mulej, Alla ta’ Iżrael: “Hu minn idejja din it-tazza nbid, inbid ibaqbaq, u isqiha lill-ġnus li se nibagħtek għandhom.

[16]U huma jixorbu, jitbandlu u jitilfu moħħhom minħabba x-xabla li se nibgħat f’nofshom.”

[17]U jien ħadt it-tazza minn idejn il-Mulej, u sqejtha lill-ġnus kollha li għandhom bagħatni l-Mulej:

[18]Ġerusalemm u l-ibliet kollha ta’ Ġuda, bis-slaten tagħha, u l-prinċpijiet tagħha, biex nagħmel minnhom ħerba u deżert, daħk u saħta bħalma huma llum;

[19]il-Fargħun, sultan tal-Eġittu, u l-qaddejja, u l-prinċpijiet tiegħu, u l-poplu tiegħu kollu;

[20]u t-taħlit ta’ popli u s-slaten kollha ta’ art Għus; u s-slaten kollha ta’ art il-Filistin: Askalon, Gaża, Għekron u l-fdal ta’ Asdod;

[21]Edom u Mowab u wlied Għammon;

[22]u s-slaten kollha ta’ Tir, u s-slaten kollha ta’ Sidon, fil-qrib u s-slaten tal-gżejjer ’il hinn mill-baħar;

[23]u Dedan, u Tema u Buż u ’l dawk kollha li jqaxxru d-dawra ta’ rashom;

[24]u s-slaten kollha tal-Għarab u s-slaten kollha tal-popli mħallta li jgħammru fid-deżert;

[25]u s-slaten kollha ta’ Żimri u s-slaten kollha ta’ Għelam u s-slaten kollha tal-Medja;

[26]u s-slaten kollha tat-Tramuntana, fil-qrib u fil-bogħod, wieħed wara l-ieħor, u s-saltniet kollha fuq wiċċ l-art. U wara dawn kollha jixrob is-sultan ta’ Sesak.

[27]“U int tgħidilhom: Dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti, Alla ta’ Iżrael: ‘Ixorbu, iskru, tqallgħu, sa ma taqgħu fl-art u ma tqumux iżjed quddiem ix-xabla li se nibgħat f’nofskom.’

[28]U jekk jirruftaw jieħdu t-tazza minn idejk biex jixorbuha, għidilhom: ‘Dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti: Tixorbuha żgur!

[29]Għax arawni, jien se nġib il-ħsara, u se nibda mill-belt li fuqha sejjaħ ismi. U taħsbu intom li se teħilsuha? Ma teħilsuhiex, għax jien se nsejjaħ ix-xabla għal fuq kull min jgħammar fl-art, oraklu tal-Mulej tal-eżerċti.


© 2020 Malta Bible Society.

30“U int ħabbrilhom dan kollu u għidilhom: ‘Il-Mulej għad jgħajjat mill-għoli;
mill-għamara mqaddsa tiegħu jgħolli leħnu; jgħajjat bil-qawwi għal fuq il-
mergħa tiegħu; għajjat bħal tal-għassara jgħajjat, għal kull min jgħammar fl-art.

31Dan l-għajjat jasal sa truf l-art; għax għandu xi jgħid il-Mulej mal-ġnus, u se
jagħmel ħaqq minn kull bniedem, u l-ħżiena se jerħilhom għax-xabla,’ ” oraklu
tal-Mulej.

32Dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti: “Araw! Il-ħsara tgħaddi minn ġens għal ġens, u
riefnu kbir se jqum minn truf l-art.

33U jkunu l-maqtulin mill-Mulej dakinhar, imxerrda minn tarf sa tarf tal-art. Ma
jibkuhomx, ma jiġbruhomx, ma jidfnuhomx; u jsiru demel fuq wiċċ l-art.

34Werżqu, rgħajja, u għajtu, tmiegħku fit-trab, mexxejja tal-merħla, jiemkom
magħduda għall-qatla, bħall-aħjar imtaten għad taqgħu mejta.

35U ma jkunx hemm kenn għar-rgħajja, u anqas ħelsien għall-mexxejja tal-
merħla.

36Jidwi l-għajjat tar-rgħajja, u t-twerżiq tal-mexxejja tal-merħla, għax iħarbat il-
Mulej il-mergħat tagħhom;

37u tħarbtu l-oqsma ħiemda minħabba s-saħna tal-korla tal-Mulej.

38L-iljun iħalli l-bejta tiegħu, għax arthom saret ħerba, minħabba x-xabla
qerrieda, u s-saħna tal-għadab tiegħu.”

# Ġeremija 26

### Id-diskors ta’ Ġeremija u l-arrest tal-Profeta

1Fil-bidu tas-saltna ta’ Ġeħojakim bin Ġosija, sultan ta’ Ġuda, ġietni l-kelma tal-
Mulej u qalli:

2“Hekk jgħid il-Mulej: ‘Mur u oqgħod fil-bitħa tat-tempju tal-Mulej, kellem lill-
ibliet kollha ta’ Ġuda, li jiġu biex iqimu fit-tempju tal-Mulej; għidilhom il-kliem
kollu li ordnajtlek tgħidilhom, bla ma tħalli kelma waħda biss.

3Għandhom mnejn jisimgħu, u jerġgħu lura kull wieħed minnhom minn triqtu l-
ħażina, u jiena nindem mill-ħsara li bi ħsiebni nagħmlilhom minħabba l-ħażen
ta’ għemilhom.

4“Għidilhom: ‘Dan jgħid il-Mulej: Jekk intom ma tisimgħux minni biex timxu fuq
il-liġi tiegħi li tajtkom,

5jiġifieri, biex tisimgħu l-kliem tal-qaddejja tiegħi l-profeti li jiena bla heda
bgħattilkom, imma li intom ma smajtux minnhom,


© 2020 Malta Bible Society.

6jiena nagħmel minn dan it-tempju ħerba bħal Silo, u lil din il-belt nagħmel
minnha wirja ta' saħta għall-ġnus kollha tad-dinja.' "

7Il-qassisin, il-profeti u l-poplu kollu semgħu lil Ġeremija jgħid dan il-kliem fit-
tempju tal-Mulej.

8Malli Ġeremija temm jgħid kulma l-Mulej kien ordnalu jgħid lill-poplu kollu, il-
qassisin u l-profeti u l-poplu kollu, qabduh u bdew jgħajtu: "Ħaqqu l-mewt.

9L-għala ħabbart f'isem il-Mulej u għedt li bħal Silo għad jiġrilu dan it-tempju, u
li din il-belt għad issir ħerba bla nies?" U l-poplu kollu nġabar madwar Ġeremija
fit-tempju tal-Mulej.

10Il-kapijiet ta' Ġuda semgħu b'dan kollu, u telgħu mill-palazz tas-sultan fit-
tempju tal-Mulej u ħadu posthom fid-daħla tal-bieb il-ġdid tat-tempju tal-Mulej.

11Il-qassisin u l-profeti kellmu lill-kapijiet u lill-poplu kollu, u qalulhom: "Dan ir-
raġel ħaqqu l-mewt, għax ħabbar kontra din il-belt, kif smajtuh b'widnejkom
intom stess."

12Iżda Ġeremija qal lill-qassisin u lill-poplu kollu: "Il-Mulej bagħatni nħabbar
kontra dan it-tempju u l-belt il-ħwejjeġ kollha li smajtu.

13Issa, mela, sewwu l-imġiba tagħkom u għemilkom, u agħtu widen għas-sejħa
tal-Mulej, Alla tagħkom, u l-Mulej jindem mid-deni li qal kontra tagħkom.

14Ngħid għalija, arawni, ninsab f'idejkom: agħmlu bija dak li jidhrilkom tajjeb u
sewwa.

15Imma kunu afu li, jekk intom toqtluni, tiċċappsu b'demm bla ħtija, intom u din
il-belt u min jgħammar fiha, għax hu tassew il-Mulej li bagħatni għandkom biex
insemmgħalkom f'widnejkom dawn il-ħwejjeġ kollha."

16Imbagħad il-kapijiet u l-poplu kollu qalu lill-qassisin u l-profeti: "Dan ir-raġel
ma ħaqqu xejn il-mewt għax hu kellimna f'isem il-Mulej Alla tagħna."

17U qamu xi wħud mill-anzjani tal-pajjiż u kellmu lill-ġemgħa kollha tal-poplu u
qalulhom:

18"Mika l-Morasti li kien ħabbar fi żmien Ħeżekija, sultan ta' Ġuda, kien kellem
lill-poplu kollu ta' Ġuda u qalilhom: 'Dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti: Sijon bħal
għalqa għad tinħarat, u borġ ġebel għad issir Ġerusalemm, u l-għolja tat-tempju
masġar għoli ssir.'

19"Forsi Ħeżekija, sultan ta' Ġuda, u l-poplu qatgħuhielu għall-mewt? Forsi ma
beżgħux mill-Mulej u talbuh il-ħniena tal-Mulej u l-Mulej nidem mill-ħsara li kien
heddidhom biha? Imma aħna se nagħmlu d-dnub kbir bi ħsara għalina stess."


© 2020 Malta Bible Society.

[20]U kien hemm bniedem ieħor, li kien ħabbar f'isem il-Mulej, Urija bin Semajja
minn Kirjat-jegħarim. U ħabbar kontra din il-belt u kontra din l-art bi kliem ta'
Ġeremija.

[21]U sama' kliemu s-sultan Ġeħojakim, u l-qalbiena tiegħu, u l-prinċpijiet kollha,
u s-sultan fittex li joqtlu, imma, malli Urija sama', beża', ħarab u mar jistkenn l-
Eġittu.

[22]U s-sultan Ġeħojakim bagħat xi nies l-Eġittu, Elnatan bin Għakbor u oħrajn
miegħu.

[23]U ħarġu lil Urija mill-Eġittu u ġibuh quddiem is-sultan Ġeħojakim. Dan qatlu
bix-xabla u xeħet 'il ġismu mejjet fil-midfna ta' wlied il-poplu.

[24]Iżda id Aħikam bin Safan, kienet ma' Ġeremija biex ma jitilquhx f'idejn il-poplu
u joqtluh.

## Ġeremija 27

### Il-madmad ta' Babilonja

[1]Fil-bidu tas-saltna ta' Ġeħojakim, sultan ta' Ġuda, ġiet din il-kelma lil Ġeremija
mingħand il-Mulej:

[2]"Dan qalli l-Mulej: Agħmel ħbula u madmad, u qegħedhom fuq għonqok.

[3]U ibgħathom b'messaġġ lis-sultan ta' Edom u s-sultan ta' Mowab, u s-sultan ta'
wlied Għammon, u s-sultan ta' Tir, u s-sultan ta' Sidon, mal-messaġġiera li ġew
Ġerusalemm għand Sedekija, sultan ta' Ġuda.

[4]U ordnalhom dal-messaġġ għal sidienhom: 'Dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti, Alla
ta' Iżrael, dan għandkom tgħidu lis-sidien tagħkom:

[5]Jien huwa li għamilt l-art, il-bniedem u l-bhejjem, li jinsabu fuq wiċċ l-art, bil-
qawwa kbira tiegħi u bi driegħi merfugħ, u nagħtiha lil min jogħġobni.

[6]U issa jien tajt dawn l-artijiet kollha f'idejn Nabukodonosor, sultan ta' Babilonja,
il-qaddej tiegħi; u sal-bhejjem tax-xagħri tajtu biex jaqduh.

[7]U l-ġnus kollha għad jaqdu lilu, u lil ibnu u 'l bin ibnu, sakemm jasal żmien
pajjiżu wkoll; meta jaħkmuh ħafna slaten qawwija.

[8]U jiġri li xi ġens jew xi saltna ma taqdihx lil Nabukodonosor, sultan ta' Babilonja,
u ma tmiddx għonqha għall-madmad tas-sultan ta' Babilonja, jien nikkastiga 'l
dan il-ġens jew saltna bix-xabla, bil-ġuħ u bil-pesta, oraklu tal-Mulej, sa ma
ntemmhom b'idejh.

[9]"Mela intom tisimgħux mill-profeti tagħkom, mill-bassara tagħkom, mill-
ħalliema tagħkom, mill-ħabbara tagħkom u mis-saħħara tagħkom, li qegħdin
jgħidulkom dan il-kliem: Ma taqdux is-sultan ta' Babilonja.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

10Għax dan kollu gideb li qegħdin iħabbrulkom biex ibegħdukom minn artkom,
għax jien inxerridkom, u intom tinqerdu.

11"Imma l-ġens li jmidd għonqu għall-madmad tas-sultan ta' Babilonja u jaqdih,
jien inħallih bi kwietu f'artu, oraklu tal-Mulej, biex jaħdimha u jgħammar fiha."

12U lil Sedekija, sultan ta' Ġuda, kellimtu u għedtlu dan kollu: "Middu għonqkom
għall-madmad tas-sultan ta' Babilonja u aqduh, lilu u l-poplu tiegħu, u tgħixu.

13Għaliex għandkom tmutu, inti u l-poplu tiegħek, bix-xabla u bil-ġuħ u bil-pesta
bħalma hedded il-Mulej lil dak il-poplu li ma jaqdix lis-sultan ta' Babilonja?

14"La tisimgħux mill-kliem tal-profeti li qegħdin jgħidulkom: 'Le, ma taqdux is-
sultan ta' Babilonja', għax dan kollu gideb li qegħdin iħabbrulkom.

15Għax jien ma bgħatthomx, oraklu tal-Mulej, u qegħdin iħabbru l-gideb f'ismi
biex jiena jkolli nxerridkom u tinqerdu intom u l-profeti li qegħdin
iħabbrulkom."

16U lill-qassisin u lil dan il-poplu kollu kellimthom u għedtilhom: "Dan jgħid il-
Mulej: 'La tisimgħux l-għajdut tal-profeti tagħkom li qegħdin iħabbrulkom u
jgħidulkom: 'Araw it-tagħmir tal-Mulej, dalwaqt jiġi lura minn Babilonja', għax
dan kollu gideb li qegħdin iħabbrulkom.

17La tagħtuhomx widen! Aqdu lis-sultan ta' Babilonja u tgħixu. Għaliex għandha
din il-belt issir ħerba?

18Jekk inhuma tassew profeti u għandhom il-kelma tal-Mulej magħhom, ħalli
jitolbu lill-Mulej tal-eżerċti biex it-tagħmir li għad baqa' fit-tempju tal-Mulej u
fil-palazz tas-sultan ta' Ġuda u f'Ġerusalemm ma jmorrux f'Babilonja.

19"Għax dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti dwar il-kolonni u l-ħawt tal-bronż u l-
imqagħad u l-bqija tat-tagħmir li għad baqa' f'din il-belt,

20li ma ħax Nabukodonosor, sultan ta' Babilonja, meta ħa lil Ġekonija bin
Ġeħojakim, sultan ta' Ġuda, minn Ġerusalemm għal Babilonja, u l-kbarat kollha
ta' Ġuda u Ġerusalemm fl-eżilju.

21"Għax dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti, Alla ta' Iżrael, dwar it-tagħmir li għad fadal
fit-tempju tal-Mulej u fil-palazz tas-sultan ta' Ġuda u Ġerusalemm:

22'Kollox għad jittieħed f'Babilonja u hemm jibqgħu saż-żmien meta nfittixhom
jien, oraklu tal-Mulej, u ntellagħhom u nġibhom lura f'dan il-post.' "

## Ġeremija 28

### Ġeremija u Ħananija l-profeta falz

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

1F'dik is-sena, fil-bidu tas-saltna ta' Sedekija, sultan ta' Ġuda, fil-ħames xahar tar-
raba' sena, Hananija bin Għażżur, profeta minn Gibgħon, ġie fit-tempju tal-Mulej,
u taħt għajnejn il-qassisin u l-poplu kollu qalli:

2"Hekk jgħid il-Mulej tal-eżerċti, Alla ta' Iżrael: Jien kissirt il-madmad tas-sultan
ta' Babilonja.

3Sa sentejn oħra, inġib lura f'dan il-post it-tagħmir kollu tat-tempju tal-Mulej li
Nabukodonosor, is-sultan ta' Babilonja, ħa minn dan il-post u ġarru fil-Babilonja,

4u rraġġa' lura wkoll lejn dan il-post lil Ġekonija bin Ġeħojakim, is-sultan ta'
Ġuda, u wkoll l-itturufnati kollha ta' Ġuda li marru f'Babilonja, oraklu tal-Mulej,
għax se nkisser il-madmad ta' Babilonja."

5Imbagħad il-profeta Ġeremija wieġeb lil Hananija l-profeta taħt għajnejn il-
qassisin u taħt għajnejn il-poplu kollu, li kienu qegħdin fit-tempju tal-Mulej;

6u l-profeta Ġeremija qallu: "Sewwa! Jalla l-Mulej jagħmel hekk! Jalla l-Mulej
jagħmel li jseħħ dak li għadek kemm ħabbart, u jġib lura f'dan il-post it-tagħmir
tat-tempju tal-Mulej u l-itturufnati kollha minn Babilonja.

7Madankollu nitolbok tisma' dan li se ngħidlek f'widnejk u f'widnejn il-poplu
kollu.

8Il-profeti li ġew qabli u qablek, sa minn żmien ilu, ħabbru gwerra, ġuħ u pesta
għal ħafna pajjiżi u saltniet kbar.

9Imma l-profeta li jħabbar is-sliem ma jingħarafx li hu profeta mibgħut tassew
mill-Mulej, jekk mhux meta sseħħ il-ħaġa li l-profeta jkun ħabbar."

10Imbagħad il-profeta Hananija qabad il-madmad minn fuq għonq il-profeta
Ġeremija u kissru,

11u qal Hannanija quddiem il-poplu kollu: "Hekk jgħid il-Mulej: Sa sentejn oħra,
hekk se nkisser minn fuq għonq il-ġnus kollha l-madmad ta' Nabukodonosor, is-
sultan ta' Babilonja." U l-profeta Ġeremija qabad triqtu u telaq.

12Wara li Hananija, il-profeta, kien kisser il-madmad minn fuq għonq il-profeta
Ġeremija, il-Mulej kellem lil Ġeremija u qallu:

13"Mur kellem lil Hananija u għidlu: Hekk jgħid il-Mulej: 'Int kissirt madmad tal-
ħatab, iżda minfloku għad ikollok madmad tal-ħadid.'

14Għax hekk jgħid il-Mulej tal-eżerċti, Alla ta' Iżrael: 'Madmad tal-ħadid
inqiegħed fuq għonq dawn il-ġnus kollha, ħalli jaqgħu lsiera ta' Nabukodonosor,
is-sultan ta' Babilonja, u jaqduh; għax jien tajtu saħansitra l-bhejjem tax-xagħri.'
"

15Il-profeta Ġeremija qal lil Hananija l-profeta: "Hananija, ismagħni, nitolbok:
ma kienx il-Mulej li bagħtek, imma int ġagħalt lil dan il-poplu jittama f'gidba.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

16Għalhekk dan jgħid il-Mulej: 'Ara, se nqaċċtek minn fuq wiċċ l-art, u inti tmut
dis-sena stess għax bit-taħbir tiegħek ridt ixxewwex kontra l-Mulej!"

17Ħananija l-profeta miet fis-seba' xahar ta' dik is-sena stess.

# Ġeremija 29

### Ittra lill-itturufnati

1Dan hu l-kliem tal-ittra li bagħat Ġeremija l-profeta minn Ġerusalemm lill-bqija
tal-anzjani fl-eżilju u lill-qassisin u lill-profeti u lill-poplu kollu, li kien ħadhom
Nabukodonosor fl-eżilju f'Babilonja minn Ġerusalemm,

2wara li kienu ħarġu Ġekonija, is-sultan, u r-reġina-omm u l-ewnuki u l-
prinċpijiet ta' Ġuda u Ġerusalemm, in-nies tas-sengħa u l-ħaddieda.

3L-ittra ntbagħtet permezz ta' Elgħaxa bin Safan, u Ġemarija bin Ħilkija, li kien
bagħathom Sedekija, sultan ta' Ġuda, lil Nabukodonosor, sultan ta' Babilonja,
f'Babilonja. L-ittra kienet tgħid hekk:

4"Dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti, Alla ta' Iżrael, lill-itturufnati li jien itturufnajt
minn Ġerusalemm lejn Babilonja:

5'Ibnu djar u għammru fihom; ħawlu ġonna u kulu frotthom;

6iżżewġu n-nisa u nisslu subien u bniet; agħżlu nisa għal uliedkom u żewġu lill-
bniet tagħkom, biex jildu subien u bniet. Oktru hemm, u tonqsux fl-għadd.

7"Fittxu l-ġid tal-pajjiż li tturufnajtkom fih, u itolbu lill-Mulej għalih, għax il-ġid
tiegħu jkun il-ġid tagħkom.'

8"Għax dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti, Alla ta' Iżrael: 'Tħalluhomx iqarrqu bikom
il-profeti li hemm f'nofskom u l-ħabbara tagħkom. Tagħtux widen għall-ħolm li
qegħdin joħolmu.

9Għax mhux veru li f'ismi qegħdin iħabbrulkom; jien ma bgħatthomx,' oraklu tal-
Mulej.

10"Għax dan jgħid il-Mulej: 'Malli jgħaddu s-sebgħin sena minn fuq Babilonja,
jien inżurkom u ntemm il-wegħda t-tajba li rreġġagħkom lura lejn dan il-post.

11Jien naf il-pjanijiet li ħsibt għalikom, oraklu tal-Mulej, pjanijiet ta' ġid u mhux
ta' ħsara, li nagħtikom ġejjieni mimli tama.

12Intom issejħuli u tiġu titolbuni u jien nismagħkom,

13tfittxuni u ssibuni. Meta tfittxuni b'qalbkom kollha,

14issibuni, oraklu tal-Mulej, u jiena nbiddel xortikom u niġborkom minn fost il-
ġnus u mill-artijiet kollha li xerridtkom fihom, oraklu tal-Mulej, u rreġġagħkom
lura lejn il-post li tturufnajtkom minnu.' "


© 2020 Malta Bible Society.

15“Billi intom għedtu: ‘Qajmilna l-Mulej profeti f’Babilonja’,

16dan jgħid il-Mulej lis-sultan li qiegħed fuq it-tron ta’ David u l-poplu kollu, li
jgħammar f’din il-belt, ħutkom li ma ħarġux magħkom itturufnati.

17Dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti: ‘Arawni, se nibgħat f’nofshom ix-xabla, il-ġuħ u
l-pesta, u nagħmilhom bħat-tin imħassar li ma tiklux, tant kemm hu ħażin.

18U nsus għal warajhom bix-xabla, bil-ġuħ u bil-pesta u nagħmel minnhom waħx
għas-salniet kollha tal-art, saħta, tkexkix, daħk u għajb għall-ġnus kollha li
fosthom inxerridhom,

19minħabba li ma semgħux kliemi, oraklu tal-Mulej, li jien bgħattilhom bla heda
permezz tal-qaddejja tiegħi, il-profeti.

20Intom, imma, isimgħu l-kelma tal-Mulej, intom l-itturufnati kollha, li jien
bgħattkom minn Ġerusalemm f’Babilonja.

21Dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti Alla ta’ Iżrael dwar Aħab bin Kolaja u dwar
Sedekija bin Magħxija, li qegħdin iħabbrulkom il-gideb f’ismi: “Arawni, se
nerħihom f’idejn Nabukodonosor, sultan ta’ Babilonja, u joqtolhom
quddiemkom.

22U mħabba fihom tintuża dis-saħta mill-itturufnati ta’ Ġuda fil-Babilonja: ‘Jalla
l-Mulej jagħmillek bħalma għamel ma’ Sedekija u ma’ Aħab, li s-sultan ta’
Babilonja xwiehom ħajjin bin-nar.

23Għax huma għamlu ħwejjeġ moqżieża f’Iżrael: żnew man-nisa ta’ għajrhom u
xandru kliem il-gideb f’ismi li jien ma kkmandajthomx. Jien nafu u nixhdu, oraklu
tal-Mulej.

24“U lil Semajja, in-Neħelami, għidlu:

25‘Dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti, Alla ta’ Iżrael: Int bgħatt f’ismek ittra lill-poplu
kollu li jgħammar f’Ġerusalemm, u lil Sefanija bin Magħxija, il-qassis, u lill-
qassisin kollha u għedtilhom:

26‘Il-Mulej għamlek qassis minflok Ġeħojada, il-qassis, biex ikun hemm min jieħu
ħsieb f’dar il-Mulej ta’ kull bniedem miġnun li jħabbar, u torbtu, u tixħtu l-ħabs.

27Għaliex mela ma ċanfartx lil Ġeremija minn Għanatot, li qiegħed iħabbar
fostkom?

28Għax bagħat jgħidilna f’Babilonja: ‘Il-biċċa ġejja fit-tul. Ibnu djar u għammru
fihom, xettlu ġonna u kulu frotthom.’ ”

29Sefanija, il-qassis, qara din l-ittra lil Ġeremija.

30U ġiet il-kelma tal-Mulej lil Ġeremija u qallu:

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

31“Ibgħat għid lill-itturufnati kollha dan li ġej: ‘Dan jgħid il-Mulej għal Semajja,
in-Neħelami. Talli ħabbrilkom Semajja bla ma jien bgħattu u ġagħalkom
tittamaw f’gidba,

32għalhekk dan jgħid il-Mulej: Arani, jien se nieħu ħsieb Semajja, in-Neħelami, u
nislu: ma jibqagħlu ’l ħadd minnhom li jgħammar f’nofs dan il-poplu biex jara l-
ġid li jien se nagħmel lill-poplu tiegħi, oraklu tal-Mulej, għax hu xandar it-tixwix
kontra l-Mulej.”

## Ġeremija 30

### Is-salvazzjoni ta’ Iżrael

1Il-kelma li ġiet lil Ġeremija mill-Mulej:

2“Dan jgħid il-Mulej Alla ta’ Iżrael: ikteb fi ktieb il-kliem kollu li għedtlek.

3Għax, araw, ġejjin jiem, oraklu tal-Mulej, meta jien inbiddel ix-xorti tal-poplu
tiegħi, Iżrael u Ġuda, jgħid il-Mulej, u rreġġagħhom lura lejn l-art li jien tajt lil
missirijiethom biex tkun tagħhom.”

4Dan huwa l-kliem li qal il-Mulej għal Iżrael u għal Ġuda:

5Dan jgħid il-Mulej: “Smajna għajta tkexkxek, għajta ta’ biża’, u mhux ta’ sliem!

6Stħarrġu u taraw, jekk raġel jistax jiled. Għala mela rajt l-irġiel b’saħħithom,
kollha b’idejhom fuq ġenbejhom, bħal mara fil-ħlas? Għala l-uċuħ kollha sfaru?

7Ah! Għax kbir hu dak il-Jum, u m’hemmx bħalu! Żmien ta’ diqa jkun għal
Ġakobb, imma minnu joħroġ salv.

8“U f’dak il-Jum, oraklu tal-Mulej tal-eżerċti, inkisser il-madmad tiegħu minn fuq
għonqu u nżarrat l-irbit tiegħu, u ma jżommuhx aktar b’ilsir il-barranin.

9Huma jservu lill-Mulej Alla tagħhom u lil David, is-sultan tagħhom, li jien għad
inqajmilhom.

10U int, Ġakobb il-qaddej tiegħi, la tibżax, oraklu tal-Mulej, u int Iżrael la
titrigħedx. Għax, arani, jien se neħilsek minn pajjiż ’il bogħod; u lil nislek minn
art jasarhom; u jerġa’ lura Ġakobb, u jgħix fis-sliem, u jkun fil-kwiet bla biża’ ta’
xejn.

11Għax jiena miegħek, oraklu tal-Mulej, biex insalvak. Għax nagħmel straġi mill-
ġnus kollha, li f’nofshom jien xerridtek. Imma minnek ma nagħmilx straġi.
Nikkastigak skont ma ħaqqek; b’xejn ma nħallikx żgur.

12Għax dan jgħid il-Mulej: Ma hemmx fejqan għalik; il-ġerħa tiegħek ma
tiddewwiex.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

13Ma hemmx min jieħu f'idejh il-kawża tiegħek; għal ġerħitek m'għandekx duwa u fejqan.

14Ħbiebek kollha nsewk, mhumiex ifittxuk. Għax minħabba l-kotra ta' dnubietek sawwattek bħallikieku kont l-għadu tiegħek, widdibtek bl-aħrax, għax kibru qatigħ ħtijietek.

15Għalfejn tgħajjat bil-ġerħa tiegħek? Ma tfiqx mit-tbenġil tiegħek; minħabba l-kotra ta' dnubietek; għax kibru ħtijietek jien ġibt dan fuqek.

16Għalhekk dawk kollha li belgħuk, għad jibilgħuhom; u l-għedewwa tiegħek ilkoll, għad jispiċċaw fl-eżilju. Dawk li neżżgħuk għad ineżżgħuhom; u dawk li għamlu minnek priża, għad nagħmel minnhom priża jien.

17U nagħlaqlek ġerħatek, u nfejqek mit-tbenġil tiegħek, oraklu tal-Mulej. Għax sejħulek: "L-abbandunata", "Dik Sijon, ħadd ma jfittixha",

18hekk jgħid il-Mulej: Araw, se nbiddel ix-xorti ta' tined Ġakobb, se nħenn għall-għerejjex tiegħu: il-belt tinbena fuq l-għolja tagħha; jerġa' jitla' l-palazz fejn kien,

19u minnhom joħroġ għana ta' radd il-ħajr u għana ta' ferħ. Inkattarhom, u ma jkunux ftit; inkabbarhom u ma jiċkinux.

20U wliedhom ikunu bħal qabel, u quddiemi tinġabar ġemgħathom. Jien nikkastiga l-għakkiesa tagħhom.

21U l-prinċep tagħhom ikun wieħed minnhom; u l-mexxej tagħhom joħroġ minn nofshom. Jien irressqu lejja u hu jersaq lejja; għax min se jissogra jersaq lejja minn rajh? Oraklu tal-Mulej.

22U intom tkunu l-poplu tiegħi, u jien inkun Alla tagħkom.

23Arawh, ir-riefnu tal-Mulej! Xegħel għadbu bħal tempesta qawwija, li se tfaqqa' fuq ras il-ħżiena.

24Għax is-saħna tal-Mulej ma terġax lura, qabel ma tkun għamlet u temmet ħsieb moħħu. Fl-aħħar jiem għad tifhmuh sewwa."

# Ġeremija 31

### Ir-restawrazzjoni tal-Poplu ta' Iżrael

1"F'dak iż-żmien, oraklu tal-Mulej, jien inkun Alla tat-tribujiet kollha ta' Iżrael, u huma jkunu l-poplu tiegħi."

2Dan jgħid il-Mulej: "Il-poplu li ħeles mis-sejf sab ħniena fid-deżert: Iżrael terraq lejn il-mistrieħ tiegħu."

3Mill-bogħod il-Mulej deherlu: "Bi mħabba ta' dejjem ħabbejtek, għalhekk il-ħlewwa tiegħi rfajt għalik.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

4Jien nerġa' nwaqqfek fuq riġlejk, o xebba ta' Iżrael, u inti tieqaf. Terġa' tiżżejjen
bit-tnabar tiegħek, u toħroġ tiżfen ferrieħa.

5Terġa' tħawwel id-dwieli fuq il-muntanji tas-Samarija; il-bdiewa tiegħek
iħawlu u jiġbru l-ewwel frott.

6Għax jasal jum meta fuq il-muntanja ta' Efrajm l-għassiesa jgħajtu u jgħidu:
'Qumu, ejjew nitilgħu Sijon għand il-Mulej, Alla tagħna.' "

7Għax dan jgħid il-Mulej: "Għannu bil-ferħ għal Ġakobb, sellmu lill-ewlieni fost
il-ġnus. Xandru, faħħru u niedu: 'Il-Mulej salva l-poplu tiegħu, il-fdal ta' Iżrael.'

8Arani, se nġibhom minn art it-Tramuntana, niġborhom minn truf l-art, ilkoll
kemm huma, l-għomja u z-zopop, in-nisa bit-tfal u n-nisa fil-ħlas: kotra kbira
terġa' lura hawn.

9Jiġu bil-biki, imma nfarragħom jiena u nġibhom lura. Immexxihom lejn l-ilma
ġieri, minn mogħdijiet watja biex ma jitfixklux. Għax jien missier għal Iżrael, u
Efrajm hu ibni l-kbir.

10"Isimgħu, ġnus, kelmet il-Mulej, xandruha 'l bogħod fil-gżejjer: għidu: 'Dak li
xerred lil Iżrael jiġbru, u jħarsu kif ragħaj iħares il-merħla tiegħu.'

11Għax il-Mulej feda lil Ġakobb, ħelsu minn id wieħed aqwa minnu.

12Għad jiġu u jgħannu fuq l-għolja ta' Sijon, u wiċċhom jiddi minħabba t-tjieba
tal-Mulej; minħabba l-qamħ, u l-inbid ġdid u ż-żejt, u l-imrieħel tan-nagħaġ u l-
baqar; u huma jsiru bħal ġnien imsoqqi tajjeb, ma jkunux iżjed mifnija.

13"Imbagħad jifirħu x-xbejbiet biż-żfin, jifirħu ż-żgħażagħ u x-xjuħ; u jiena
nbiddel il-vistu tagħhom f'hena, infarragħom u nferraħhom wara l-hemm
tagħhom.

14Il-qassisin nimliehom bl-abbundanza, u l-poplu tiegħi bil-ġid inxebbgħu,"
oraklu tal-Mulej.

### Ir-restawrazzjoni ta' Efrajm

15Dan jgħid il-Mulej; "Instama' leħen f'Rama, ilfiq u biki kollu mrar, Rakel
titbekka għal uliedha, ma tridx taf b'sabar, għax iżjed mhumiex."

16Dan jgħid il-Mulej: "Żomm leħnek 'il bogħod mill-biki, għajnejk 'il bogħod mid-
dmugħ, għax hemm ħlas għal taħbitek, oraklu tal-Mulej, għax huma għad jerġgħu
lura minn pajjiż l-għadu.

17Hemm tama għall-ġejjieni, oraklu tal-Mulej, uliedek għad jerġgħu lejn arthom.

18"Jien smajt tajjeb lil Efrajm jitkarrab: 'Inti kkastigajtni, u jien ħadt il-kastig bħal
għoġol bla taħriġ. Reġġagħni lura u jien nerġa' lura, għax inti l-Mulej Alla tiegħi.


© 2020 Malta Bible Society.

19Wara li tbigħedt u ndimt, wara li tgħallimt, jien ħabbatt fuq wirki. Jien stħajt u tħawwadt, għax inġib fuqi l-għajb ta' żgħożiti.'

20Jaqaw Efrajm l-iben għażiż! Jaqaw it-tfajjel tal-għaxqa tiegħi? Għax kull meta nitkellem kontrih, jien niftakar aktar fih. Għalhekk ġewwenija mqanqla għalih; u żgur li nħenn għalih, oraklu tal-Mulej.

21"Waqqaf għalik il-plieri, qiegħed għalik is-sinjali, moħħok hemm fuq il-mogħdija, it-triq li minnha għaddejt. Erġa' lura, xbejba ta' Iżrael, erġa' lura lejn blietek.

22Kemm se ddum ittalla' u tniżżel, ja bint xewwiexa? Il-Mulej ħalaq ħaġa ġdida fl-art: il-mara ddawwar ir-raġel."

## Ir-restawrazzjoni ta' Ġuda

23Dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti, Alla ta' Iżrael: "Meta jien inkun biddiltilhom xortihom fl-art ta' Ġuda u fi blietha, għad jerġgħu jgħidu dan il-kliem: 'Jalla jbierkek il-Mulej, għamara tas-sewwa, għolja qaddisa!'

24U għad jgħammru fiha Ġuda u blietha, il-bdiewa u dawk li jiġġerrew bl-imrieħel.

25"Għax jien naħji kull ruħ mifnija, u nxabba' kull ruħ għajjiena.

26Għalhekk stenbaħt u ħarist, u ngħasi ħassejtu ħelu.

27"Araw, għad jiġu jiem, oraklu tal-Mulej, meta jien niżra' d-dar ta' Iżrael, u d-dar ta' Ġuda, b'żerriegħa tal-bniedem u b'żerriegħa tal-bhejjem.

28U jiġri li bħalma għassist fuqhom biex naqla' u nkisser, biex inġarraf u neqred, biex nagħmel il-ħsara, hekk ngħasses fuqhom biex nibni u nħawwel, oraklu tal-Mulej.

29"F'dawk il-jiem ma jgħidux iżjed: il-missirijiet kielu l-għeneb qares, u ddarrsu snien l-ulied.'

30Iżda kull wieħed imut għal dnubu; kull min jiekol l-għeneb qares, jiddarrsu snienu."

## Il-patt il-ġdid

31"Araw, għad jiġi żmien, oraklu tal-Mulej, meta jien nagħmel patt ġdid ma' dar Iżrael u dar Ġuda;

32mhux bħall-patt li għamilt ma' missirijiethom fiż-żmien meta qbadthom minn idejhom biex ħriġthom mill-art tal-Eġittu, il-patt tiegħi li huma kisru, għalkemm jien kont l-għarus tagħhom, oraklu tal-Mulej.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

33“Imma dan ikun il-patt li għad nagħmel ma’ dar Iżrael wara dawk il-jiem,
oraklu tal-Mulej. Inqiegħed il-liġi tiegħi fosthom u niktibha f’qalbhom; u jiena
nkun Alla tagħhom, u huma jkunu l-poplu tiegħi.

34Ma jgħallmux iżjed lil xulxin, u ħadd ma jgħid lil ħuh: ‘Agħraf il-Mulej’, għaliex
ilkoll kemm huma jkunu jafuni, miż-żgħir sal-kbir, oraklu tal-Mulej. Għax jien
naħfrilhom ħżunithom, u ħtijiethom aktar ma niftakarhomx.”

35Dan jgħid il-Mulej, li għamel ix-xemx għad-dawl binhar, il-qamar u l-kwiekeb
b’liġijiethom għad-dawl billejl; li jqanqal il-baħar u jgargru mwieġu, Jaħweh tal-
eżerċti ismu:

36“Daqskemm qatt jistgħu jitwarrbu minn quddiemi dawn il-liġijiet, oraklu tal-
Mulej, daqshekk nisel Iżrael jieqaf milli jkun għal dejjem poplu quddiemi.”

37Dan jgħid il-Mulej: “Jekk is-smewwiet fl-għoli jistgħu jitkejlu, u jinkixfu s-sisien
tad-dinja minn taħt, jien inwarrab in-nisel kollu ta’ Iżrael, għal kulma għamlu,”
oraklu tal-Mulej.

38“Araw, għad jiġu l-jiem, oraklu tal-Mulej, meta l-belt terġa’ tinbena għall-Mulej,
mit-torri ta’ Hananel sa Bieb ix-Xewka.

39U l-ħabel tal-kejl iwassal aktar ’il quddiem dritt sal-għolja ta’ Gareb u mbagħad
idur lejn Gogħa.

40U l-wied kollu tal-katavri u l-irmied, u r-raba’ kollu sal-wied ta’ Kedron sax-
xewka ta’ Bieb iż-Żwiemel fuq il-Lvant ikunu kkonsagrati lill-Mulej, u ma jkunu
qatt iżjed imġarrfa jew meqruda.”

## Ġeremija 32

### Ġeremija jixtri għalqa

1Il-kelma li ġiet ’il Ġeremija mingħand il-Mulej fl-għaxar sena ta’ Sedekija, sultan
ta’ Ġuda, it-tmintax-il sena ta’ Nabukodonosor.

2F’dak iż-żmien l-eżerċtu tas-sultan ta’ Babilonja kien qiegħed jassedja ’l
Ġerusalemm, u Ġeremija kien magħluq fil-bitħa tal-għassa li kien hemm fil-
palazz tas-sultan ta’ Ġuda.

3Kien għalqu Sedekija u qallu: “Għaliex qiegħed tħabbar u tgħid: ‘Dan jgħid il-
Mulej: Arani, sa nitlaq din il-belt f’idejn is-sultan ta’ Babilonja, u hu jaħtafha.

4U Sedekija, sultan ta’ Ġuda, ma jeħlishiex minn idejn il-Kaldin, għax se jkun
mitluq żgur f’idejn is-sultan ta’ Babilonja. Għad jitkellmu fomm għal fomm u
jaraw lil xulxin wiċċ imb wiċċ.

5U Sedekija jiħduh f’Babilonja u jibqa’ hemm sa ma nieħu ħsiebu jien, oraklu tal-
Mulej. Għax jekk intom titqabdu mal-Kaldin, m’intom se tagħmlu xejn.’ ”


© 2020 Malta Bible Society.

6U Ġeremija qal: "Ġietni l-kelma tal-Mulej u qalli:

7Ara! Hanamel bin Sallun, zijuk, ġej għandek biex jgħidlek: 'Ixtri għalik l-għalqa
tiegħi li hemm f'Għanatot, għax int għandek id-dritt li tixtriha u tifdiha.' "

8U ġie għandi Hanamel, bin zijuwi, bħalma kien qalli l-Mulej, fil-bitħa tal-għassa
u qalli: "Ixtri l-għalqa tiegħi li hemm f'Għanatot li tiġi fl-art ta' Benjamin, għax int
għandek id-dritt tal-proprjetà u tifdiha. Ixtriha!" U għaraft li kienet il-kelma tal-
Mulej.

9U xtrajt l-għalqa mingħand Hanamel, bin zijuwi, li kienet f'Għanatot, u wiżintlu
l-flus, sbatax-il xekel tal-fidda.

10U mbagħad ktibt il-kuntratt u ssiġillajtu, sejjaħt ix-xhieda u wiżint il-flus fil-
miżien.

11U ħadt il-kitba tax-xiri ssiġillata li kien fiha l-ftehim u l-kundizzjonijiet, u l-
kopja miftuħa.

12U tajt dan il-kuntratt tax-xiri lil Bàruk bin Nerija, bin Maħseja, quddiem
Hanamel bin zijuwi, u quddiem ix-xhieda, li kienu ffirmaw dan il-kuntratt tax-
xiri, u quddiem il-Lhud kollha li kienu qegħdin fil-bitħa tal-għassa.

13U ordnajt lil Bàruk quddiemhom u għedtlu:

14"Dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti, Alla ta' Iżrael: Hu dawn il-kitbiet, dan il-kuntratt
tax-xiri, il-kopja ssiġillata u l-kopja l-miftuħa, u qegħedhom f'ġarra tal-fuħħar
biex jibqgħu sħaħ għal ħafna żmien.

15Għax dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti, Alla ta' Iżrael: 'Għad jerġgħu jinxtraw djar,
raba' u oqsma tad-dwieli f'dan il-pajjiż.' "

### It-talba ta' Ġeremija

16U wara li tajt il-kuntratt tax-xiri lil Bàruk bin Nerija, tlabt lill-Mulej u għedtlu:

17"O Sidi, Mulej, ara, int għamilt is-smewwiet u l-art bil-qawwa kbira tiegħek u
bi driegħek merfugħ, xejn mhu impossibbli għalik!

18Inti tagħmel il-ħniena għal elf ġenerazzjoni u tħallas il-ħażen tal-missirijiet
f'ħoġor uliedhom warajhom. Int Alla kbir u qawwi, Jaħweh tal-eżerċti ismek!

19Kbir fl-għaqal u setgħan fl-għemil, għajnejk miftuħa fuq it-triqat kollha tal-
bnedmin biex tagħti lil kulħadd skont imġibtu u skont frott għemilu.

20Int għamilt sinjali u għeġubijiet fl-art tal-Eġittu, u sa issa int għamilt isem fost
Iżrael u l-bnedmin kollha, kif inhu llum.

21Int ħriġt il-poplu tiegħek Iżrael mill-art tal-Eġittu b'sinjali u għeġubijiet, u b'id
qawwija u bi driegħek merfugħ, u b'biża' kbir.


© 2020 Malta Bible Society.

22U inti tajthom din l-art li kont wegħedt u ħlift lil missirijiethom, li tagħtihom
art tnixxi ħalib u għasel.

23U daħlu fiha, u ħaduha f'idejhom, imma ma semgħux minn kliemek, u ma
mxewx skont il-liġi tiegħek, u kulma int ordnajtilhom li jagħmlu ma għamluhx, u
int ġibt fuqhom din il-ħsara kollha.

24"Ara, issa r-rampi laħqu biex jieħdu l-belt, u l-belt tingħata f'idejn il-Kaldin, li
qegħdin jaħbtu għaliha, minħabba x-xabla, il-ġuħ u l-pesta. Kulma ħabbartilna
int, qiegħed iseħħ.

25U inti, Sidi l-Mulej, għedtli: 'Ixtri għalik l-għalqa bil-flus, sejjaħ ix-xhieda, għax
il-belt se tingħata f'idejn il-Kaldin!"

### It-tweġiba ta' Alla

26U ġiet il-kelma tal-Mulej lil Ġeremija u qallu:

27"Arani! Jien il-Mulej, Alla tal-bnedmin kollha: hemm xi ħaġa li ma tistax tkun
għalija?

28Għalhekk dan jgħid il-Mulej: Arani! Jien se nitlaq il-belt f'idejn il-Kaldin u
f'idejn Nabukodonosor, is-sultan ta' Babilonja, u jaħtfuha.

29U jiġu l-Kaldin jaħbtu għal din il-belt, jagħtuha n-nar, u jaħarqu l-inċens lil
Bagħal, u jsawbu l-libazzjonijiet lil allat oħra biex jinkuni.

30"Għax ulied Iżrael u wlied Ġuda m'għamlux ħlief ħażen taħt għajnejja sa minn
żgħożithom; tassew, ulied Iżrael m'għamlux ħlief inkewni b'għemil idejhom,
oraklu tal-Mulej.

31Għax din il-belt sa minn mindu bnewha sal-lum kienet il-kaġun tal-għadab u l-
qilla tiegħi; għalhekk issa jkolli niknisha minn quddiemi

32minħabba l-ħażen kollu ta' wlied Iżrael u wlied Ġuda li għamlu biex jinkuni,
huma, is-slaten tagħhom, il-prinċpijiet tagħhom, il-qassisin tagħhom, il-profeti
tagħhom u n-nies ta' Ġuda u dawk li jgħammru f'Ġerusalemm.

33Huma dawru wiċċhom minni u tawni daharhom. Jien għallimthom bla heda,
imma huma ma semgħux, u ma kinux lesti jieħdu l-korrezzjoni.

34Anzi waslu saħansitra li jwaqqfu l-qżież tal-idoli tagħhom fid-dar fejn jissejjaħ
ismi, u jniġġsuha.

35U bnew is-santwarji ta' Bagħal f'wied Ben Hinnom biex jgħaddu min-nar lis-
subien u bniet tagħhom f'ġieħ Molok, ħaġa li jien ma ordnajthilhomx; qatt ma
għaddieli minn moħħi li nagħmel ħaġa mistmella bħal din, li nwaqqa' fid-dnub
lil Ġuda.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

36“Issa għalhekk: Dan jgħid il-Mulej Alla ta’ Iżrael, dwar din il-belt, li intom
qegħdin tgħidu li se tintreħa f’idejn is-sultan ta’ Babilonja bix-xabla, bil-ġuħ u
bil-pesta:

37‘Arawni, jien niġborhom mill-artijiet kollha li fihom xerridthom fl-għadab
tiegħi, fis-saħna u l-qilla kbira tiegħi, u nġibhom lura f’dan il-post, u nagħmel li
jgħammru fiż-żgur b’moħħhom mistrieħ.

38U huma jkunu l-poplu tiegħi, u jien inkun Alla tagħhom.

39U nagħtihom qalb waħda u nqabbadhom triq waħda, biex dejjem ikollhom il-
biża’ tiegħi għall-ġid tagħhom u ta’ wliedhom warajhom.

40U nagħmel magħhom patt għal dejjem li ma niqafx milli nagħmlilhom il-ġid. U
nqiegħed il-biża’ tiegħi f’qalbhom, biex ma jitbegħdux minni.

41L-għaxqa tiegħi tkun li nagħmlilhom il-ġid u nħawwilhom f’din l-art fis-sewwa,
b’qalbi kollha u b’ruħi kollha.

42“Għax dan jgħid il-Mulej: ‘Kif ġibt fuq dan il-poplu din il-ħsara kollha, hekk issa
għad inġib fuqhom il-ġid kollu li jien wegħedthom.

43U jibqa’ jinxtara r-raba’ f’din l-art li intom qegħdin tgħidu li se ssir ħerba, bla
nies u bla bhejjem, u tingħata f’idejn il-Kaldin.

44Jinxtara r-raba’ bil-flus, jinkitbu l-kuntratti, jissiġillawhom u jissejħu x-xhieda
fl-art ta’ Benjamin u fl-inħawi ta’ Ġerusalemm, fl-ibliet ta’ Ġuda u fl-ibliet tal-
muntanji, u fl-ibliet tas-Sefela u fl-ibliet tan-Negeb, għax jien għad inbiddlilhom
xortihom,’ oraklu tal-Mulej.”

# Ġeremija 33

### Ir-restawrazzjoni ta’ Ġerusalemm

1U ġiet il-kelma tal-Mulej għat-tieni darba lil Ġeremija, meta kien għadu magħluq
fil-bitħa tal-għassa u qallu:

2“Dan jgħid il-Mulej, li għamel l-art, sawwarha u wettaqha, Jaħweh ismu:

3‘Sejjaħli u jien inwieġbek u ngħidlek bi ħwejjeġ kbar, ħwejjeġ mistura li int ma
toħlomhomx.’

4“Għax dan jgħid il-Mulej, Alla ta’ Iżrael, dwar id-djar ta’ din il-belt u d-djar tas-
sultan ta’ Ġuda mġarrfin minħabba l-assedju u x-xabla.

5Il-Kaldin ġejjin biex jissieltu u jimlewhom bl-iġsma mejta ta’ nies li jien drabt fl-
għadab u l-qilla tas-saħna tiegħi. Jien ħbejt wiċċi minn din il-belt minħabba l-
ħażen kollu tagħhom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

6“Arawni, jien se nagħlqilhom il-ġerħa; indewwihom u nfejjaqhom, u nurihom
il-kotra tas-sliem sħiħ għal dejjem.

7U jien inbiddel ix-xorti ta’ Ġuda u x-xorti ta’ Iżrael, u nibnihom bħalma kienu fil-
bidu.

8U nnaddafhom mill-ħażen kollu tagħhom li bih offendewni u naħfrilhom
dnubiethom kollha li bihom offendewni u qamu kontrija.

9U din il-belt tkun għalija ferħ, tifħir, u glorja fost il-popli tal-art, li għad jisimgħu
bil-ġid li nkun għamilt magħhom. U dawn għad jitbeżżgħu u jitriegħdu minħabba
l-ġid kollu u s-sliem li għad nagħmlilhom.

10“Dan jgħid il-Mulej: F’dan il-post li intom qegħdin tgħidu: ‘Sar ħerba, bla nies
li jgħixu fihom u bla bhejjem’, u bl-ibliet ta’ Ġuda u fit-toroq ta’ Ġerusalemm,
imħarbtin, bla nies u bla bhejjem, għad jinstema’

11l-għajjat ta’ ferħ u l-għajjat ta’ hena, leħen l-għarus u leħen l-għarusa, l-għana
ta’ dawk li jgħidu: ‘Faħħru lill-Mulej tal-eżerċti, għax tajjeb il-Mulej, u l-ħniena
tiegħu għal dejjem’, huma u jġibu f’dar il-Mulej l-offerti ta’ radd il-ħajr; għax jien
inbiddel ix-xorti tal-pajjiż bħalma kien fil-bidu, jgħid il-Mulej.

12“Dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti: Għad ikun hawn f’dan il-post, imħarbat, bla nies
u bla bhejjem, u fl-ibliet kollha tiegħu, mergħat fejn ir-rgħajja jserrħu l-imrieħel
tagħhom.

13Fl-ibliet kollha tal-muntanji, fl-ibliet tas-Sefela, fl-ibliet tan-Negeb, fl-art ta’
Benjamin u fl-inħawi ta’ madwar Ġerusalemm, fl-ibliet ta’ Ġuda, għad jgħaddu l-
imrieħel minn taħt idejn min jgħoddhom, jgħid il-Mulej.”

## Restawrazzjoni tal-monarkija

14“Ara, għad jiġu jiem, oraklu tal-Mulej, meta nġib fuq dar Iżrael u dar Ġuda l-ġid
li wegħedthom.

15F’dawk il-jiem u f’dak iż-żmien intalla’ min-nisel ta’ David rimja tas-sewwa,
bniedem li jagħmel il-ġustizzja u s-sewwa fil-pajjiż.

16F’dawk il-jiem Ġuda jinħeles u Ġerusalemm tgħammar b’moħħha mistrieħ, u
għalhekk isejħulha: ‘Il-Mulej is-sewwa tagħna.’

17“Għax dan jgħid il-Mulej; ‘Ma jonqos qatt bniedem min-nisel ta’ David biex
joqgħod fuq it-tron ta’ dar Iżrael.

18U ma jonqosx bniedem min-nisel tal-qassisin ta’ Levi minn quddiemi biex joffri
s-sagrifiċċju tal-ħruq u jaħraq l-offerti u jagħmel is-sagrifiċċji kull jum.’ ”

19U ġiet il-kelma tal-Mulej lil Ġeremija u qallu:

20“Dan jgħid il-Mulej: Jistax jinkiser il-patt tiegħi mal-jum u l-patt tiegħi mal-lejl,
b’mod li ma jkunx hemm jum jew lejl f’waqthom?

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

21Daqshekk ieħor jista' jinkiser il-patt tiegħi ma' David, il-qaddej tiegħi, u ma jkun hemm ħadd minn uliedu li jsaltan fuq it-tron tiegħu, u mal-Leviti, il-qassisin, qaddejja tiegħi.

22Għax daqs kemm huma l-qtajja' tas-smewwiet li ma jingħaddux u r-ramel tal-baħar li ma jitkejjilx, daqshekk ieħor għad inkattar nisel David u l-Leviti jservuni."

23U ġiet il-kelma tal-Mulej lil Ġeremija u qallu:

24"Ma rajtx x'inhu jgħid dan il-poplu: 'Il-Mulej warrab iż-żewġ tribujiet li kien għażel?' Hekk qegħdin imaqdru l-poplu tiegħi u ma jqisuhx aktar nazzjon f'għajnejhom.

25"Dan jgħid il-Mulej: 'Irid ma jkunx hemm aktar patt bejni u bejn il-jum u l-lejl, irid ma nżommx il-liġijiet tas-sema u l-art,

26biex tassew inwarrab nisel Ġakobb u David il-qaddej tiegħi u ma nagħżilx aktar min-nisel tiegħu nies li jsaltnu fuq nisel Abraham, Iżakk u Ġakobb. Għax jien għad inbiddlilhom xortihom u nħenn għalihom.' "

# Ġeremija 34

### Ġeremija jwiddeb lil Sedekija

1Il-kelma li ġiet lil Ġeremija mingħand il-Mulej, meta Nabukodonosor, sultan ta' Babilonja, l-eżerċtu tiegħu kollu, is-saltniet kollha tal-art taħt il-ħakma ta'idejh, u l-popli kollha kienu qegħdin jaħbtu għal Ġerusalemm u l-ibliet tagħha, u qallu:

2"Dan jgħid il-Mulej Alla ta' Iżrael: mur u kellem lil Sedekija, sultan ta' Ġuda, u għidlu: 'Dan jgħid il-Mulej: Arani se nerħi din il-belt f'idejn is-sultan ta' Babilonja, u dan jaħraqha bin-nar.

3U int ma teħlishiex minn idejh, għax jaqbduk żgur u jerħuk f'idejh, u s-sultan ta' Babilonja tarah wiċċ imb wiċċ, u hu jkellmek minn fomm għal fomm. U int tmur Babilonja.

4"Imma isma' l-kelma tal-Mulej, inti Sedekija, sultan ta' Ġuda; għax dan jgħidlek il-Mulej: Int ma tmutx bix-xabla!

5Tmut fis-sliem, u bħalma ħarqu l-bħur għal missirijietek li kienu qablek sa mill-bidu, hekk għad jaħarqu l-bħur għalik u jitniehdu għalik: 'Jaħasra, sidi!' Għax jien għedt din il-kelma." Oraklu tal-Mulej.

6U kellem il-profeta Ġeremija lil Sedekija, sultan ta' Ġuda, u qallu dan il-kliem kollu f'Ġerusalemm,

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

7meta l-eżerċti tas-sultan ta’ Babilonja kienu qegħdin jaħbtu għal Ġerusalemm u
għall-bqija kollha tal-ibliet ta’ Ġuda - Lakis u Għażeka - għax dawn biss kien għad
fadal mill-ibliet iffortifikati kollha ta’ Ġuda.

### It-tradiment tal-għonja

8Il-kelma li ġiet lil Ġeremija mingħand il-Mulej wara li s-sultan Sedekija kien
għamel patt mal-poplu li kien f’Ġerusalemm, meta kien nidielhom il-ħelsien,

9jiġifieri, li kulħadd jibgħat ħieles l-ilsir tiegħu Lhudi u kull wieħed l-ilsira tiegħu
Lhudija, u b’hekk ħadd aktar ma jżomm fil-jasar lil ħutu Lhud.

10U l-prinċpijiet u l-poplu li kienu daħlu f’dan il-patt li kull wieħed jibgħat ħieles
l-ilsir tiegħu u kull wieħed l-ilsira tiegħu, sabiex ma jżommhomx aktar fil-jasar,
semgħu u bagħtuhom ħielsa.

11Imma mbagħad reġgħu lura minn kelmthom u reġgħu ħadu lura dawn l-ilsiera,
irġiel u nisa, li kienu bagħtuhom ħielsa, u għamlu minnhom ilsiera, irġiel u nisa,
mill-ġdid.

### Kastig għal kulħadd

12U ġiet il-kelma tal-Mulej lil Ġeremija u qallu:

13“Dan jgħid il-Mulej, Alla ta’ Iżrael: Jien kont dħalt f’patt ma’ missirijietkom
dakinhar li ħriġthom mill-art tal-Eġittu, minn dar il-jasar, u għedtilhom:

14‘Fi tmiem is-seba’ snin int għandek tibgħat ħieles lil ħuk Lhudi, li jkun inbiegħ
lilek; hu jaħdimlek għal sitt snin, imbagħad tibagħtu ħieles minn miegħek!’ Imma
missirijietkom ma semgħux minni u anqas tawni widen.

15“Intom illum indimtu, u għamiltu s-sewwa f’għajnejja, u nidejtu l-ħelsien kull
wieħed lil għajru, u għamiltu patt quddiemi fid-dar li fuqha jissejjaħ ismi.

16Imma issa irġajtu lura minn kelmtkom, u kasbartu ismi; erġajtu ħadtu lura kull
wieħed l-ilsir tiegħu u kull wieħed l-ilsira tiegħu, li kontu bgħattuhom ħielsa
b’rajhom f’idejhom u ġegħeltuhom iservukom ta’ lsiera, irġiel u nisa.

17“Għalhekk dan jgħid il-Mulej: Intom ma smajtux minni li tniedu l-ħelsien, kull
wieħed lil ħuh u kull wieħed li għajru. Arawni, issa nnidilkom il-ħelsien, oraklu
tal-Mulej. Nerħikom għax-xabla, għall-pesta, u għall-ġuħ, u nagħmel minnkom
waħx għas-saltniet kollha tal-art.

18U dawk li kisru l-patt tiegħi, li ma żammewx il-kelma tal-patt li għamlu
quddiemi, nagħmlilhom bħall-għoġol, li qasmu fi tnejn, u għaddew minn bejn il-
bċejjeċ tiegħu.

19“U l-prinċpijiet ta’ Ġuda, u l-prinċpijiet ta’ Ġerusalemm, l-uffiċjali u l-qassisin,
u l-poplu kollu tal-art, li għaddew minn bejn il-bċejjeċ tal-għoġol,


© 2020 Malta Bible Society.

[20]lil dawn kollha se nerħihom f'idejn l-għedewwa tagħhom, u f'idejn dawk li qegħdin ifittxulhom ħajjithom, u l-iġsma mejta tagħhom ikunu ikel għat-tajr tal-ajru, u l-bhejjem tal-art.

[21]Lil Sedekija, sultan ta' Ġuda, u l-prinċpijiet tiegħu nerħihom f'idejn l-għedewwa tagħhom u f'idejn dawk li qegħdin ifittxulhom ħajjithom, u f'idejn l-eżerċtu tas-sultan ta' Babilonja, li qegħdin jitbiegħdu minnkom.

[22]"Arawni, se nagħti ordni, oraklu tal-Mulej, u rreġġagħhom lura għal din il-belt, jaħbtu għaliha, jaqbduha f'idejhom, u jaħarquha bin-nar. L-ibliet ta' Ġuda ħerba nagħmel minnhom u ħadd ma jgħammar fihom."

## Ġeremija 35

### Ir-Rekabin

[1]Il-kelma li ġiet lil Ġeremija mingħand il-Mulej fi żmien Ġeħojakim bin Ġosija, sultan ta' Ġuda, u qallu:

[2]"Mur fid-dar tar-Rekabin, kellimhom u ġibhom f'dar il-Mulej f'waħda mill-kmamar, u isqihom l-inbid.'

[3]Jiena għalhekk ħadt lil Ġażanija bin Ġeremija, bin Ħabassinija, u 'l ħuh, u 'l uliedu kollha, u d-dar kollha tar-Rekabin,

[4]u daħħalthom fid-dar tal-Mulej fil-kamra ta' wlied Ħanan bin Igdalija, bniedem ta' Alla, li kien qrib il-kamra tal-prinċpijiet fuq il-kamra ta' Magħxija bin Sallum, Għassies l-Għatba.

[5]U jien qegħedt quddiem il-familja tar-Rekabin tazzi u kwies mimlijin bl-inbid u għedtilhom: 'Ixorbu l-inbid."

[6]U huma qaluli: "Ma nixorbux inbid! Għax Ġeħonadab bin Rekab ordnalna u qalilna: La tixorbu qatt inbid, la intom u lanqas uliedkom.

[7]Tibnux djar, u tiżirgħux żerriegħa, ixxettlux dwieli, u ma jkollkom anqas waħda, għaliex intom tgħixu fit-tined għomorkom kollu, biex tgħixu għal ħafna żmien fuq wiċċ l-art li intom fiha nies stranġiera.

[8]Aħna smajna mill-kelma ta' Ġeħonadab bin Rekab, missierna, u qgħadna għal kulma ordnalna, jiġifieri li ma nixorbux inbid ħajjitna kollha, aħna, niesna, in-nisa tagħna, is-subien u l-bniet tagħna;

[9]li ma nibnux djar biex ngħammru fihom u li ma jkollniex dwieli, raba' jew għelieqi għaż-żrigħ.

[10]Aħna ngħixu fit-tined u smajna u għamilna kulma ordnalna Ġeħonadab, missierna.


© 2020 Malta Bible Society.

[11]Meta, imbagħad, Nabukodonosor, sultan ta' Babilonja, tela' għall-pajjiż għedna: Ejjew ħa mmorru Ġerusalemm biex neħilsu mill-eżerċtu tal-Kaldin u mill-eżerċtu tal-Aramin; u hekk bqajna ngħammru f'Ġerusalemm."

### Id-diżubbidjenza ta' Ġuda

[12]U ġiet il-kelma tal-Mulej lil Ġeremija u qallu:

[13]"Dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti, Alla ta' Iżrael, mur u għid lin-nies ta' Ġuda u n-nies li joqogħdu Ġerusalemm: 'Ma teħdux intom it-tagħlima u tisimgħu minn kliemi? Oraklu tal-Mulej.'

[14]"Kliem Ġeħonadab bin Rekab seħħ, li bih ordna lil uliedu li ma jixorbux inbid; u huma ma xorbuhx sal-lum, għax qagħdu għall-ordni ta' missierhom. U jiena kellimtkom fuq li kellimtkom bla heda, u intom ma smajtux minni.

[15]U jien bgħattilkom fuq li bgħattilkom bla heda l-qaddejja tiegħi l-profeti biex jgħidulkom: 'Erġgħu kull wieħed lura minn triqtu l-ħażina, u tejbu għemilkom, u la tmorrux wara allat oħra biex isservuhom, u hekk tkunu tistgħu tgħammru fl-art li tajt lilkom u lil missirijietkom; u intom la tajtuni widen u lanqas smajtu minni.

[16]"Għax tassew żammew ulied Ġeħonadab bin Rekab, l-ordni li tahom missierhom, imma minni dan il-poplu ma semax.

[17]Għalhekk dan jgħid il-Mulej, Alla tal-eżerċti, Alla ta' Iżrael: 'Arawni, se nġib fuq Ġuda u fuq in-nies li jgħammru f'Ġerusalemm il-ħsara kollha li semmejtilhom għax jien kellimthom u huma ma semgħux, sejjaħtilhom u huma ma weġbux.' "

[18]U kellem Ġeremija lid-dar tar-Rekabin: "Dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti, Alla ta' Iżrael: 'Talli intom obdejtu l-ordni ta' Ġeħonadab missierkom, u ħaristu l-preċetti tiegħu, u għamiltu kollox skont ma ordnalkom,

[19]għalhekk dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti, Alla ta' Iżrael: Ma jonqos qatt li xi ħadd min-nisel ta' Ġeħonadab bin Rekab ikun dejjem quddiemi.' "

## Ġeremija 36

### Il-Profeta jikteb l-orakli tiegħu

[1]U ġara li fir-raba' sena ta' Ġeħojakim bin Ġosija, sultan ta' Ġuda, ġiet din il-kelma lil Ġeremija mingħand il-Mulej u qallu:

[2]"Ħu romblu tal-kitba, u ikteb fuqu l-kliem kollu li jien għedtlek dwar Iżrael, u dwar Ġuda, u dwar il-ġnus kollha minn mindu kellimtek fi żmien Ġosija sa dan il-jum.


© 2020 Malta Bible Society.

3Għandu mnejn id-dar ta' Ġuda, meta jisimgħu bil-ħsara li għandi f'rasi li nagħmlilhom, jerġgħu kull wieħed lura minn triqtu l-ħażina, u jien naħfrilhom ħżunithom u dnubiethom."

4U Ġeremija sejjaħ lil Bàruk bin Nerija, u Bàruk beda jikteb minn fomm Ġeremija l-kliem kollu tal-Mulej, li l-Mulej kien qallu, fuq ir-romblu tal-kitba.

### Il-qari tal-orakli fit-tempju

5U Ġeremija ordna lil Bàruk u qallu: "Miżmum kif jien, ma nistax immur f'dar il-Mulej.

6Mur int u aqra mill-ktieb kulma ktibt minn fommi, il-kliem tal-Mulej, f'widnejn il-poplu, f'dar il-Mulej, f'jum ta' sawm. Aqrah ukoll f'widnejn in-nies ta' Ġuda li jiġu minn bliethа.

7Għandu mnejn it-talb tagħhom jasal sa quddiem il-Mulej, u jerġgħu, kull wieħed minnhom, lura minn triqtu l-ħażina għax kbira hija l-korla u s-saħna tal-Mulej li bihom hedded lil dan il-poplu."

8U Bàruk bin Nerija għamel kollox skont ma ordnalu Ġeremija, il-profeta, u qara mill-ktieb il-kliem tal-Mulej f'dar il-Mulej.

9Ġara li fil-ħames sena ta' Ġeħojakim bin Ġosija, sultan ta' Ġuda, fid-disa' xahar, nidew sawma quddiem il-Mulej għan-nies ta' Ġerusalemm, u għall-poplu kollu tal-ibliet ta' Ġuda, li kien tela' Ġerusalemm.

10U Bàruk qara mill-ktieb f'widnejn il-poplu kollu l-kliem ta' Ġeremija f'dar il-Mulej, fil-kamra ta' Ġemarija bin Safan, il-kittieb, fil-bitħa ta' fuq, fid-daħla ta' Bieb il-Ġdid ta' dar il-Mulej.

### Il-qari fil-kamra tal-iskriba

11U sama' Mikija bin Ġemarija, bin Safan, il-kliem kollu tal-Mulej minn fuq il-ktieb.

12U niżel fil-palazz tas-sultan, fil-kamra tal-kittieb, u kienu hemm il-prinċpijiet kollha: Elisama, il-kittieb, u Delaja bin Samajja, Elnatan bin Għakbor, u Ġemarija bin Safan, u Sedekija bin Hananija u l-prinċpijiet l-oħra kollha.

13U Mikija għarrafhom bil-kliem kollu li kien sama' meta Bàruk kien qiegħed jaqra mill-ktieb f'widnejn il-poplu.

14Imbagħad il-ġemgħa tal-prinċpijiet bagħtu lil Ġeħudi bin Netanija, bin Selemija, bin Kusi, għand Bàruk biex jgħidlu: "Aqbad f'idejk il-ktieb li kont taqra minn fuqu f'widnejn il-poplu, u ejja." U Bàruk bin Nerija qabad il-ktieb f'idejh u mar għandhom.

15U qalulu: "Oqgħod bilqiegħda u aqra minnu li nisimgħuk." U Bàruk beda jaqra li jisimgħuh.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

16U ġara li malli semgħu dan il-kliem kollu beżgħu, u bdew iħarsu lejn xulxin, u
jgħidu lil Bàruk: "Ikollna ngħarrfu lis-sultan b'dan kollu."

17U Bàruk bdew jistħarrġuh u staqsewh: "Għidilna, jekk jogħġbok, kif ktibt dan
il-kliem? Minn fommu?"

18U Bàruk weġibhom: "Hu beda jgħidli dan il-kliem b'fommu, u jiena kont nikteb
bil-linka fuq dan il-ktieb."

19U l-prinċpijiet wieġbu lil Bàruk: "Mur u nħeba, int u Ġeremija, u ħadd
m'għandu jkun jaf fejn intom."

### Is-sultan jaħraq il-ktieb

20Huma mbagħad marru għand is-sultan, f'daru, fil-kamra tiegħu, wara li ħallew
ir-romblu fil-kamra ta' Elisama l-kittieb, u għarrfu lis-sultan b'kulma kien ġara.

21U s-sultan bagħat lil Ġeħudi jġib il-ktieb, u dan ħadu mill-kamra ta' Elisama l-
kittieb. U Ġeħudi beda jaqrah f'widnejn is-sultan u f'widnejn il-prinċpijiet li
kienu ħdejn is-sultan.

22Is-sultan kien qiegħed fil-palazz tax-xitwa; kien id-disa' xahar, u quddiemu
kien hemm kenur imkebbes.

23U ġara li kull meta Ġeħudi kien jaqra tlieta jew erba' kolonni, is-sultan kien
iqattagħhom b'mus tal-iskriba, iwaddabhom fin-nar fil-kenur, sakemm il-ktieb
kollu ntemm fin-nar li kien hemm fil-kenur.

24U ma beżgħux, u anqas ċarrtu ħwejjiġhom, la s-sultan u lanqas il-qaddejja
tiegħu li kienu semgħu dan il-kliem kollu.

25Għalkemm Elnatan, Delaja, u Ġemarija għafsu fuq is-sultan biex ma jaħraqx il-
ktieb, hu ma semax minnhom.

26Anzi s-sultan ordna lil Ġeraħmijel, bin is-sultan, u lil Xeraja bin Għażrijel, u lil
Selemija bin Għabdel, li jaqbdu lil Bàruk, il-kittieb, u lil Ġeremija l-profeta; imma
l-Mulej kien ħbiehom.

### It-tieni edizzjoni tal-ktieb

27U wara li s-sultan kien ħaraq il-ktieb u l-kliem li kien kiteb Bàruk minn fomm
Ġeremija, ġiet il-kelma tal-Mulej lil Ġeremija u qallu:

28"Erġa' ħu romblu ieħor u ikteb fuqu l-kliem kollu ta' qabel li kien hemm fil-
ktieb ta' qabel, li ħaraq Ġeħojakim, sultan ta' Ġuda.

29U lis-sultan Ġeħojakim, sultan ta' Ġuda, tgħidlu: 'Dan jgħid il-Mulej: Int ħraqt
dan il-ktieb u għedt: Għala ktibt fuqu u għedt: Għad jiġi s-sultan ta' Babilonja u
jħarbat dan il-pajjiż u jeqred minnu bnedmin u bhejjem?


© 2020 Malta Bible Society.

30Għalhekk dan jgħid il-Mulej dwar Ġeħojakim, sultan ta' Ġuda: ma jkollu 'l ħadd minn nislu li joqgħod fuq it-tron ta' David, u l-katavru tiegħu jintrema barra għas-sħana binhar u għall-ksieħ billejl.

31Jiena nikkastiga lilu u lil nislu, u l-qaddejja tiegħu għal ħżunithom, u nġib fuqhom u fuq min jgħammar f'Ġerusalemm u fuq in-nies ta' Ġuda, il-ħsara kollha li heddidthom biha, u ma semgħux."

32U Ġeremija ħa romblu ieħor u tah lil Bàruk bin Nerija, il-kittieb, u kiteb fuqu minn fomm Ġeremija l-kliem kollu li kien hemm fil-ktieb li kien ħaraq fin-nar Ġeħojakim, sultan ta' Ġuda; u żied magħhom ħafna kliem ieħor bħal dan.

# Ġeremija 37

### Sedekija u l-Profeta

1Kien isaltan is-sultan Sedekija bin Ġosija minflok Konija bin Ġeħojakim, li kien għamlu sultan fuq l-art ta' Ġuda Nabukodonosor is-sultan ta' Babilonja.

2U ma semgħux minn kliem il-Mulej, li kien qalilhom permezz ta' Ġeremija, la hu, la l-qaddejja tiegħu u lanqas il-poplu tal-pajjiż.

3U bagħat is-sultan Sedekija lil Ġeħukal bin Selemija u 'l Sefanija bin Magħxija, il-qassis, għand Ġeremija l-profeta biex jgħidulu: "Itlob għalina l-Mulej, Alla tagħna."

4U l-profeta Ġeremija kien dieħel u ħiereġ f'nofs il-poplu, għax kien għadhom ma tefgħuhx il-ħabs.

5L-eżerċtu tal-Fargħun kien ħareġ mill-Eġittu, u malli semgħu b'din l-aħbar, il-Kaldin, li kienu qegħdin jaħbtu għal Ġerusalemm, qabdu u telqu minn madwar Ġerusalemm.

6U ġiet il-kelma tal-Mulej lil Ġeremija l-profeta u qallu:

7"Dan jgħid il-Mulej, Alla ta' Iżrael: Dan għandkom tgħidulu lis-sultan ta' Ġuda, li bagħatkom għandi tistħarrġuni: Ara l-eżerċtu tal-Fargħun, li ħareġ biex jgħinkom, se jerġa' lura lejn pajjiżu fl-Eġittu;

8u l-Kaldin jerġgħu lura biex jaħbtu għal din il-belt, u jaħtfuha, u jagħtuha n-nar."

9Dan jgħid il-Mulej: "La titqarrqux u tgħidu: 'Jitilqu żgur minn madwarna l-Kaldin', għax ma jitilqux.

10Lanqas jekk tkissru l-eżerċtu kollu tal-Kaldin, li qegħdin jaħbtu għalikom, u jibqa' minnhom biss miġruħin, kull wieħed fit-tinda tiegħu, dawn iqumu u 'l din il-belt jagħtuha n-nar."

11Ġara, imbagħad, li malli l-Kaldin refgħu l-kamp minn madwar Ġerusalemm minħabba l-eżerċtu tal-Fargħun,

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

12Ġeremija ħareġ minn Ġerusalemm biex imur fl-art ta' Benjamin ħalli jaqsam il-wirt ma' niesu.

13U kif Ġeremija kien fil-Bieb ta' Benjamin, u kien hemm il-kap tal-għassa jismu Irija bin Selemija, bin Hananija, u dan waqqaf lil Ġeremija l-profeta u qallu: "Int sejjer mal-Kaldin!"

14U Ġeremija qallu: "Mhux veru. M'iniex sejjer għand il-Kaldin." Imma dan ma emmnux. Imbagħad Irija qabad lil Ġeremija u ħadu għand il-prinċpijiet.

15Dawn xegħlu għal Ġeremija, u ħabtu għalih, u xeħtuh fil-ħabs fid-dar ta' Ġonatan, il-kittieb, li kienu għamluha ħabs.

16U lil Ġeremija niżżluh f'ġiebja bil-ħnejjiet, u dam hemm għal ħafna żmien.

17U s-sultan Sedekija bagħat iġibu u beda jistħarrġu f'daru bil-moħbi u jgħidlu: "Hemm xi kelma mingħand il-Mulej?" U Ġeremija kien iwieġeb: "Hemm," u qallu: "Int tkun mogħti f'idejn is-sultan ta' Babilonja."

18U Ġeremija qal ukoll lis-sultan Sedekija: "Fiex inqast jien kontra tiegħek, jew kontra dan il-poplu, biex xħettuni l-ħabs?

19U fejn huma l-profeti tagħkom li kienu jħabbrulkom u jgħidulkom: 'Ma jiġix is-sultan ta' Babilonja għalikom u għal dan il-pajjiż?'

20Issa ismagħni, jekk jogħġbok, sultan sidi; ħa tasal għandek it-talba tiegħi; terġax tibgħatni f'dar Ġonatan il-kittieb, li ma mmutx hemm."

21Is-sultan Sedekija ta ordni, u lil Ġeremija għalquh fil-bitħa tal-għassa; u kienu jagħtuh ħobża kuljum mit-triq tal-furnara, sakemm kien għad fadal ħobż fil-belt. U Ġeremija baqa' fil-bitħa tal-għassa.

## Ġeremija 38

### Ġeremija mixħut f'bir

1U Sefatija bin Mattan, u Gedalija bin Pasħur, u Ġukal bin Selemija u Pasħur bin Malakija semgħu l-kliem li Ġeremija kien jgħid lill-poplu kollu:

2"Dan jgħid il-Mulej: 'Min jibqa' f'din il-belt għad imut bix-xabla, bil-ġuħ u bil-pesta. U min joħroġ għal mal-Kaldin jgħix u jikseb ħajtu daqs li kieku kienet priża, imma jibqa' ħaj.

3Dan jgħid il-Mulej: 'Żgur li din il-belt tingħata f'idejn l-eżerċtu tas-sultan ta' Babilonja u dan jaħtafha f'idejh.' "

4Il-prinċpijiet marru jgħidu lis-sultan: "Halli jiġi maqtul dal-bniedem, għax b'dan il-kliem li qiegħed jgħidilhom qiegħed jaqta' qalb is-suldati li fadal f'din il-belt u qalb il-poplu kollu. Tassew, bniedem bħal dan mhuwiex ifittex il-ġid ta' dan il-poplu, imma l-qerda tiegħu."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

5U s-sultan Sedekija qalilhom: "Araw, f'idejkom, hu! Għax is-sultan ma jista' jagħmel xejn magħkom!"

6U ħadu lil Ġeremija u xeħtuh fil-bir ta' Malakija, bin is-sultan, li kien fil-bitħa tal-għassa; imbagħad lil Ġeremija niżżluh bil-ħbula f'dan il-bir; ilma ma kienx fih, imma ħama biss; u Ġeremija għodos fil-ħama.

### Għebed-melek italla' lill-profeta mill-bir

7Għebed-melek, il-Kusi, fizzjal, kien qiegħed fil-palazz tas-sultan meta sama' li kienu tefgħu lil Ġeremija fil-bir. Issa s-sultan kien bilqiegħda ħdejn il-Bieb ta' Benjamin.

8Għebed-melek ħareġ mill-palazz tas-sultan, mar ikellmu u qallu:

9"Sidi s-sultan, dawn in-nies ġiebu ruħhom ħażin f'kulma għamlu lil Ġeremija, il-profeta, li xeħtuh fil-bir, u dalwaqt imut bil-ġuħ, għax ma baqax ħobż fil-belt."

10Is-sultan imbagħad ordna lil Għebed-melek, il-Kusi, u qallu: "Ħu miegħek tlitt irġiel minn dawn u mur tella' lil Ġeremija, il-profeta, mill-bir, qabel ma jmut."

11U Għebed-melek ħa dawn it-tlieta min-nies miegħu, u mar fil-palazz tas-sultan fil-maħżen tal-ħwejjeġ, u minn hemm ħa xi ċraret qodma u lbiesi mqattgħin, u niżżilhom bil-ħbula fil-bir lil Ġeremija.

12U Għebed-melek, il-Kusi, qal lil Ġeremija: "Isa, qiegħed dawn iċ-ċraret qodma taħt abtek minn taħt il-ħbula." U hekk għamel Ġeremija.

13U ġibdu lil Ġeremija bil-ħbula u tellgħuh mill-bir. U baqa' Ġeremija fil-bitħa tal-għassa.

14Is-sultan Sedekija bagħat iġib għandu lil Ġeremija, il-profeta, fit-tielet daħla li hemm f'dar il-Mulej, u s-sultan qal lil Ġeremija: "Se nistaqsik ħaġa, u taħbili ebda kelma."

15U Ġeremija wieġeb lil Sedekija: "Forsi ma tagħtinix il-mewt jekk ngħidlek? U jekk nagħtik parir se tisma' minni?"

16U s-sultan Sedekija ħalef lil Ġeremija bil-moħbi u qallu: "Daqs kemm hu ħaj il-Mulej li ħalqilna din il-ħajja, ma noqtlokx u ma nagħtikx f'idejn in-nies li qegħdin ifittxulek ħajtek."

### Ġeremija jwiddeb lil Sedekija

17U Ġeremija qal lil Sedekija: "Dan jgħid il-Mulej, Alla tal-eżerċti, Alla ta' Iżrael: 'Jekk int toħroġ għal għand il-fizzjali tas-sultan ta' Babilonja, ħajtek tkun salva u din il-belt ma jagħtuhiex in-nar, u tibqa' ħaj, int u darek.

18Imma jekk ma toħroġx tilqa' l-fizzjali tas-sultan ta' Babilonja, jien nitlaq din il-belt f'idejh il-Kaldin u jagħtuha n-nar, u int ma teħlisiex minn idejhom."


© 2020 Malta Bible Society.

19U s-sultan Sedekija qal lil Ġeremija: "Jiena nibża' mil-Lhud li qalbu għal mal-
Kaldin, li ma jmorrux jagħtuni f'idejhom u jżebilħuni."

20U Ġeremija wieġeb: Ma jitilqukx! Isma' mill-kelma tal-Mulej li jien qiegħed
ngħidlek, u jkollok ir-risq u ħajtek tibqa' salva.

21Jekk int ma tridx toħroġ, dan hu li wrieni l-Mulej:

22Ara, in-nisa kollha li jibqgħu f'dar is-sultan ta' Ġuda joħorġuhom għal għand il-
fizzjali tas-sultan ta' Babilonja, u l-istess nisa jgħidulek: 'Qarrqu bik u għelbuk il-
ħbieb li int kont tafda fihom; issa li riġlek għodos fit-tajn, huma reġgħu lura
minnek.'

23U n-nisa kollha tiegħek, u wliedek, joħorġuhom għal għand il-Kaldin, u int ma
teħlishiex minn taħt idejhom; għad jaqbdek f'idejh is-sultan ta' Babilonja, u din
il-belt jagħtuha n-nar."

24U Sedekija qal lil Ġeremija: "Qis li ma jkun jaf ħadd b'dan il-kliem, li ma tmutx.

25Jekk il-prinċpijiet jisimgħu li jien tkellimt miegħek u jiġu għandek u jistaqsuk:
'X'għedt lis-sultan? Taħbilna xejn, inkella noqtluk. Is-sultan x'qallek?',

26għidilhom: 'Ressaqt it-talba tiegħi quddiem is-sultan, biex ma jerġax jibgħatni
fid-dar ta' Ġonatan, biex immut hemm.' "

27U l-prinċpijiet marru għand Ġeremija u staqsewh, u hu weġibhom sewwasew
kif ordnalu s-sultan, u ħallewh bi kwietu, għaliex it-taħdita bejniethom ma kinitx
instemgħet.

28U Ġeremija baqa' fil-bitħa tal-għassa sa dakinhar li nqabdet Ġerusalemm.

## Ġeremija 39

### Il-waqgħa u l-qerda ta' Ġerusalemm

1Fid-disa' sena ta' Sedekija, sultan ta' Ġuda, fl-għaxar xahar, ġie Nabukodonosor
sultan ta' Babilonja, u l-eżerċtu tiegħu għal Ġerusalemm u assedjaha;

2u fil-ħdax-il sena ta' Sedekija, fir-raba' xahar, fid-disa' jum tax-xahar, saret
tiċrita fis-swar tal-belt.

3Meta ttieħdet Ġerusalemm daħlu fiha l-prinċpijiet kollha tas-sultan ta'
Babilonja u qagħdu fil-Bieb tan-Nofs: Nergalsarser, prinċep ta' Simmagir, il-
fizzjal il-kbir, u Nebusażban, fizzjal għoli, u l-bqija tal-prinċpijiet l-oħra kollha
tas-sultan ta' Babilonja.

4U ġara li malli rawhom Sedekija, sultan ta' Ġuda, u n-nies kollha tal-eżerċtu,
ħarbu u ħarġu billejl mill-belt, mit-triq ta' ġnien is-sultan, mill-bieb ta' bejn iż-
żewġ ħitan, u qabdu t-triq tal-Għaraba.


© 2020 Malta Bible Society.

5Imma l-eżerċtu tal-Kaldin telqulha għal warajhom, u laħqu 'l Sedekija fix-xagħri
ta' Ġeriko, qabduh u tellgħuh quddiem Nabukodonosor, sultan ta' Babilonja,
f'Ribla, fl-art ta' Hamat fejn is-sultan qatagħlu s-sentenza.

6U s-sultan ta' Babilonja qatel lil ulied Sedekija f'Ribla taħt għajnejh, u qatel ukoll
is-sultan ta' Babilonja l-kbarat kollha ta' Ġuda.

7Imbagħad 'il Sedekija qalagħlu għajnejh, u rabtu bil-ktajjen biex jieħdu lejn
Babilonja.

8U l-palazz tas-sultan u d-djar tal-poplu, il-Kaldin tawhom in-nar, u s-swar ta'
Ġerusalemm ġarrfuhom.

9U l-bqija tal-poplu, li kien fadal fil-belt, u dawk li kienu ċedew, u l-bqija tal-poplu
li kien fadal, Nebużaradan, kmandant tal-għases, ħadhom fl-eżilju f'Babilonja.

10U Nebużaradan, il-kmandant tal-għases, ħalla fl-art ta' Ġuda l-fqar tal-poplu, li
ma kellhom xejn, u dakinhar tahom oqsma tad-dwieli u raba'.

11Nabukodonosor, sultan ta' Babilonja, lil Nebużaradan, kmandant tal-għases,
dwar Ġeremija kien ordnalu u qallu:

12"Ħudu u żommu taħt għajnejk, u tagħmillu ebda ħsara, imma agħmel miegħu
kif jgħidlek hu."

13Għalhekk Nebużaradan, kmandant tal-għases, u Nebużardan, fizzjal għoli, u
Nergalsareser, il-fizzjal il-kbir, u l-prinċpijiet kollha tas-sultan ta' Babilonja

14bagħtu jġibu lil Ġeremija mill-bitħa tal-għassa u tawh f'idejn Gedalija bin
Aħikam, bin Safan, biex joħorġu u jieħdu f'daru u jibqa' f'nofs il-poplu.

15U ġiet il-kelma tal-Mulej lil Ġeremija, meta kien għadu fil-bitħa tal-għassa, u
qallu:

16"Mur u għid lil Għebed-melek, il-Kusi: 'Dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti, Alla ta'
Iżrael: Arani, sa ntemm kliemi fuq din il-belt għall-ħsara tagħha u mhux għar-
riżq, u dan se jseħħ taħt għajnejk stess.

17Imma jien dakinhar neħilsek, oraklu tal-Mulej, u ma tingħatax f'idejn dawk in-
nies li minnhom qiegħed tibża'.

18Għax insalvak żgur, ma taqax taħt ix-xabla, tkun għalik ħajtek bi priża, talli int
ittamajt fija, oraklu tal-Mulej.' "

## Ġeremija 40

### Ġeremija meħlus

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

1Il-kelma li ġiet lil Ġeremija mingħand il-Mulej wara li Nebużaradan, kmandant tal-għases, bagħtu ħieles minn Rama, għax kien sabu marbut bil-ktajjen f'nofs l-eżiljati minn Ġerusalemm u Ġuda, li kienu sejrin fl-eżilju fil-Babilonja.

2U l-kmandant tal-għases qabad lil Ġeremija u qallu: "Il-Mulej Alla tiegħek kien ħabbar din il-ħsara fuq dan il-post.

3U l-Mulej ġiebha u temm kulma kien ħabbar għax intom dnibtu kontra l-Mulej; u ma smajtux minn kelmtu, u għalhekk ġralkom dan kollu.

4U issa, arani, jiena neħilsek mill-ktajjen li għandek ma' idejk. Jekk jogħġbok tiġi Babilonja, ejja, u jien inżomm għajnejja fuqek; jekk ma jogħġbokx tiġi miegħi Babilonja, oqgħod hawn. Ara, l-art kollha quddiemek, ara fejn jogħġbok u jaqbillek tmur, u mur hemm.

5Jekk le, erġa' lura u mur oqgħod ma' Gedalija bin Aħikam, bin Safan, li s-sultan ta' Babilonja għamlu gvernatur fuq l-ibliet ta' Ġuda, u oqgħod miegħu f'nofs il-poplu, jonkella mur fejn jidhirlek l-aħjar li għandek tmur." U l-kmandant tal-għases tah l-ikel u rigal, u bagħtu.

6U Ġeremija mar għand Gedalija bin Aħikam f'Misfa, u baqa' miegħu f'nofs il-poplu li kien baqa' fil-pajjiż.

### Gedalija gvernatur tal-pajjiż

7Il-fizzjali tal-eżerċtu li kienu mxerrdin fil-kampanja semgħu, huma u n-nies tagħhom, li s-sultan ta' Babilonja kien qiegħed lil Gedalija bin Aħikam, gvernatur fuq il-pajjiż, u fdalu f'idejh l-irġiel, in-nisa, it-tfal u l-fqar tal-pajjiż, li ma kinux ħaduhom fl-eżilju f'Babilonja.

8U ġew għand Gedalija, f'Mifsa: Ismagħel bin Netanija, u Ġoħanan u Ġonatat ulied Kareħa, u Xeraja bin Tanħumet, u wlied Għefaj in-Netufi, u Ġeżanija bin Magħka, huma u n-nies tagħhom.

9U Gedalija bin Aħikam, bin Safan, ħalfilhom, lilhom u lin-nies tagħhom, u qalilhom: "La tibżgħux isservu lill-Kaldin: oqogħdu fil-pajjiż u servu lis-sultan ta' Babilonja, u jkollkom ir-risq.

10U jiena qiegħed f'Misfa biex nidher quddiem il-Kaldin li jiġu għandna. U intom, mela, iġbru l-inbid, il-frott u ż-żejt, aħżnuhom fil-ġarar, u oqogħdu fl-ibliet li ħadtu f'idejkom."

11U l-Lhud kollha li kienu f'Mowab, u fost ulied Għammon, u f'Edom u fl-artijiet l-oħra kollha, semgħu li s-sultan ta' Babilonja kien ħalla xi fdal f'Ġuda, u li kien qiegħed fuqhom lil Gedalija bin Aħikam, bin Safan.

12Dawn il-Lhud kollha reġgħu lura minn kull art li fihom kienu mxerrda, u ġew fl-art ta' Ġuda, għand Gedalija f'Misfa, u ġabru kotra kbira ta' nbid u frott.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

13Ġeħonan bin Kareħa u l-kapijiet tal-eżerċtu, li kienu fil-kampanja, marru għand Gedalija f'Misfa

14u qalulu: "Għandek tkun taf li Bagħlis, is-sultan ta' wlied Għammon, bagħat lil Ismagħel bin Netanija, biex joqtlok." Imma Gedalija bin Aħikam ma emminhomx.

15Ġeħonan bin Kareħa kellem bil-moħbi lil Gedalija f'Misfa u qallu: "Ħalli mmur u noqtol lil Ismagħel bin Netanija, bla ma ħadd ikun jaf. Għala għandu jneħħilek ħajtek, u hekk jixxerrdu l-Lhud kollha li nġabru madwarek, u jinqered dak li fadal minn Ġuda?"

16Imma Gedalija bin Aħikam wieġeb lil Ġoħanan bin Kareħa: "La tagħmilx din il-ħaġa għax din hi gidba li qiegħed tgħid fuq Ismagħel."

## Ġeremija 41

### Il-qtil ta' Gedalija

1U ġara li, fis-seba' xahar, ġie Ismagħel bin Netanija, bin Elisama, minn nisel is-slaten u l-kbarat tas-sultan, u għaxra min-nies miegħu, għand Gedalija bin Aħikma, f'Misfa, u lkoll flimkien kielu l-ħobż f'Mifsa.

2U Ismagħel bin Netanija mal-għaxra min-nies li kellu miegħu qamu għal Gedalija bin Aħikam, bin Safan, li s-sultan ta' Babilonja kien qiegħed gvernatur fuq il-pajjiż, darbuh bix-xabla, u qatluh.

3U Ismagħel qatel ukoll il-Lhud kollha li kienu ma' Gedalija f'Mifsa, u lill-Kaldin li nzertaw hemm, suldati wkoll.

4U ġara li fit-tieni jum wara l-qtil ta' Gedalija - u ħadd ma kien għadu jaf -

5ġew xi nies minn Sikem, minn Silo u minn Samarija; kienu tmenin raġel, bil-leħja mqaxxra, u b'ilbieshom imċarrat, u b'ġisimhom imqatta', b'offerti u inċens f'idejhom biex jeħduhom f'dar il-Mulej.

6U Ismagħel bin Netanija ħareġ jilqagħhom minn Misfa; huma kienu resqin u jibku. Malli laħaqhom qalilhom: "Ejjew għand Gedalija bin Aħikam!"

7U ġara li malli daħlu f'nofs il-belt, Ismagħel bin Netanija u n-nies li kellu miegħu qatluhom, u xeħtuhom ġo ġiebja; kienet il-ġiebja kbira.

8Fosthom kien hemm għaxart irġiel, u dawn qalu lil Ismagħel: "La toqtolniex, għax għandna moħbija fir-raba' ħażniet ta' qamħ, xgħir, żejt u għasel." U hu waqaf u ma qatilhomx ma' ħuthom.

9U l-ġiebja, li fiha Ismagħel xeħet l-iġsma mejta tan-nies li qatel, kienet il-ġiebja l-kbira li kien ħaffer is-sultan Asa minħabba Bagħsa, sultan ta' Iżrael. Din il-ġiebja Ismagħel bin Netanija mlieha bil-maqtulin.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[10]Ismagħel imbagħad qabad b'ilsiera n-nies li kien fadal mill-poplu, li kien hemm f'Misfa - il-bniet tas-sultan u l-bqija tal-poplu li kien f'Mifsa, li Nabużaradan, kmandant tal-għases, kien ħalla f'idejn Gedalija bin Aħikam. Ismagħel bin Netanija qabadhom b'ilsiera u telaq biex jgħaddi għal għand ulied Għammon.

### Ġoħanan iħarbat lil Ismagħel

[11]Ġoħanan bin Kareħa, u l-fizzjal tan-nies armati li kellu miegħu, semgħu bil-ħsara kollha li kien għamel Ismagħel bin Netanija.

[12]Ġabru n-nies kollha tagħhom, u marru jaħbtu għal Ismagħel bin Netanija, u sabuh ħdejn l-għadira l-kbira ta' Gibgħon.

[13]Ġara li malli n-nies li kienu ma' Ismagħel raw lil Ġoħanan bin Kareħa, u l-fizzjali kollha tal-eżerċtu miegħu, ferħu.

[14]U n-nies kollha, li Ismagħel kien qabad b'ilsiera minn Misfa, daru u telqu għal ma' Ġoħanan bin Kareħa.

[15]Imma Ismagħel bin Netanija, bi tmienja min-nies li kellu miegħu, ħarab minn idejn Ġoħanan, u mar għal għand ulied Għammon.

[16]U Ġoħanan bin Kareħa, u l-fizzjali kollha tal-eżerċtu li kellu miegħu, ħadu taħt idejhom il-bqija tan-nies li Ismagħel bin Netanija kien ħa b'ilsiera minn Misfa wara l-qtil ta' Gedalija bin Aħikam, irġiel, nies tal-gwerra, nisa, tfal, uffiċjali - li Ġoħanan kien ġieb lura minn ħdejn Gibgħon.

[17]U telqu u waqfu f'Gerut-kimħam, li taħbat maġenb Betlehem, biex jibqgħu sejrin l-Eġittu

[18]minħabba l-Kaldin; għax bdew jibżgħu minnhom billi Ismagħel bin Netanija kien qatel lil Gedalija bin Aħikam, li s-sultan ta' Babilonja kien qiegħed gvernatur fuq il-pajjiż.

## Ġeremija 42

### Il-parir ta' Ġeremija

[1]Imbagħad il-fizzjali kollha tal-eżerċtu u Ġoħanan bin Kareħa, Ġeżanija bin Ħosajja u l-poplu kollu, miż-żgħir sal-kbir, resqu lejn

[2]Ġeremija l-profeta u qalulu: "Ilqa' t-talba tagħna! Idħol għalina u għal dan il-fdal quddiem il-Mulej, Alla tiegħek, għax, kif tista' tara b'għajnejk, ftit bqajna mill-kotra li konna.

[3]Jalla jurina l-Mulej, Alla tiegħek, it-triq li għandna naqbdu, u x'għandna nagħmlu."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[4]U Ġeremija, il-profeta, qalilhom: "Smajtkom u hawn jien se nitlob lill-Mulej Alla tagħkom kif għedtuli u kulma jweġibkom il-Mulej ngħidulkom; ebda kelma ma naħbilkom."

[5]U huma qalu lil Ġeremija: "Ha jkun xhud sinċier u fidil il-Mulej kontrina jekk ma nagħmlux kollox skont ma jibagħtek tgħidilna l-Mulej.

[6]Tajjeb u ħażin, aħna noqogħdu għall-kelma tal-Mulej, Alla tagħna, li għandu qegħdin nibagħtuk, sabiex ikollna r-riżq, għax inkunu smajna minn kelmet il-Mulej, Alla tagħna."

[7]Meta kienu għaddew għaxart ijiem ġiet il-kelma tal-Mulej lil Ġeremija.

[8]U dan sejjaħ lil Ġoħanan bin Kareħa, u l-fizzjali tal-eżerċtu li kienu miegħu, u l-poplu kollu, mill-kbir saż-żgħir,

[9]u qalilhom: "Dan jgħid il-Mulej, Alla ta' Iżrael, li intom bgħattuni għandu biex nitolbu għalikom.

[10]Jekk intom tibqgħu tgħammru f'dan il-pajjiż, jien nibnikom mill-ġdid u ma nħottkomx; inħawwilkom u ma naqlagħkomx, għax jien indimt mill-ħsara li għamiltilkom.

[11]La tibżgħux mis-sultan ta' Babilonja li minnu intom imbeżżgħin. La tibżgħux minnu, oraklu tal-Mulej, għax jien magħkom biex insalvakom u neħliskom minn idejh.

[12]U nqanqlu għall-ħniena lejkom u jħenn għalikom, u jħallikom tgħammru f'artkom.

[13]Imma jekk tgħidu ma ngħammrux f'dan il-pajjiż, u hekk ma tisimgħux minn kliem il-Mulej, Alla tagħkom,

[14]u tibdew tgħidu: 'Le, mmorru fl-art tal-Eġittu fejn ma narawx gwerer, lanqas nisimgħu d-daqq tat-tromba, u ma mmutux bil-ġuħ minħabba nuqqas ta' ikel, u hemm ngħammru',

[15]issa, mela isimgħu l-kelma tal-Mulej, intom il-fdal ta' Ġuda: Dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti, Alla ta' Iżrael: 'Jekk intom tal-fehma soda li tmorru l-Eġittu, u tmorru biex tgħixu hemm,

[16]ix-xabla li minnha qegħdin tibżgħu, tilħaqkom hemm fl-art tal-Eġittu, u l-ġuħ li minnu qegħdin titkexkxu jaqbad magħkom hemm fl-Eġittu, u hemm tmutu.

[17]In-nies kollha li għandhom il-fehma li jmorru l-Eġittu biex jgħixu hemm, hemm imutu bix-xabla, bil-ġuħ, bil-pesta u ħadd minnhom ma jibqa' ħaj jew jeħles mill-ħsara li jien inġib fuqhom.'

[18]Għax dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti, Alla ta' Iżrael: "Bħalma l-għadab u s-saħna tiegħi ferrajthom fuq in-nies li kienu jgħammru f'Ġerusalemm, hekk is-saħna


© 2020 Malta Bible Society.

tiegħi titferragħ fuqkom jekk tmorru l-Eġittu. Intom issiru dagħa u waħx, saħta u għajb, u ma taraw qatt iżjed dan il-post.'

19"Il-Mulej kellimkom, lilkom il-fdal ta' Ġuda: 'La tmorrux l-Eġittu. Intom tafu ben tajjeb li jien xhud kontrikom illum.

20Għax intom lgħabtu b'ħajjitkom meta intom bgħattuni għand il-Mulej Alla tagħkom u għedtuli: 'Itlob lill-Mulej, Alla tagħna, għalina u kulma jgħid il-Mulej, Alla tagħna, ħabbarhulna u aħna nagħmluh.'

21Jien ħabbarthulkom illum, u ma smajtux minn kliem il-Mulej, Alla tagħkom, u minn dak kollu li bagħatni ngħidilkom.

22Mela issa kunu afu sewwa li bix-xabla, bil-ġuħ u bil-pesta għad tmutu fil-pajjiż, fejn ħsibtu li tmorru tgħixu."

## Ġeremija 43

### Il-ħarba lejn l-Eġittu

1U ġara li malli Ġeremija temm jgħid lill-poplu kollu l-kliem kollu tal-Mulej Alla tagħhom, dan il-kliem kollu li l-Mulej Alla tagħhom bagħtu jgħidilhom

2Għażarija bin Hosagħaja, Ġoħanan bin Kareħa, u n-nies kollha, kburin u xewwiexa, qalu lil Ġeremija: "Int qiegħed tigdbilna! Ma bagħtikx il-Mulej, Alla tagħna, tgħidilna: 'La tmorrux l-Eġittu biex tgħammru hemm.'

3Bàruk bin Nerija qiegħed jgħawwik għalina biex jerħina f'idejn il-Kaldin ħalli joqtluna jew jeħduna fl-eżilju f'Babilonja."

4U Ġoħanan bin Kareħa, u l-fizzjali kollha tal-eżerċtu, u l-poplu kollu ma semgħux minn kelmet il-Mulej biex joqogħdu fl-art ta' Ġuda.

5Ġoħanan bin Kareħa, u l-fizzjali kollha tal-eżerċtu, qabdu l-fdal ta' Ġuda, li kienu ġew lura minn fost il-ġnus li xterdu fihom biex jgħammru fl-art ta' Ġuda,

6irġiel, nisa, tfal, il-bniet tas-sultan u n-nies kollha, li Nebużaradan, il-kmandant tal-għases, kien ħalla ma' Gedalija bin Aħikam, bin Safan, u 'l Ġeremija, il-profeta, u 'l Bàruk bin Nerija;

7u marru fl-art tal-Eġittu, għax ma semgħux minn kelmet il-Mulej, u waslu sa fl-inħawi ta' Taħfanħes.

### Nabukodonosor u l-Eġittu

8U ġiet il-kelma tal-Mulej lil Ġeremija f'Taħfanħes u qallu:

9"Hu f'idejk ġebel kbir u waħħlu fit-tajn fil-misraħ ta' ħdejn bieb id-dar tal-Fargħun f'Taħfanħes, taħt għajnejn il-Lhud

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

10 u għidilhom: ‘Dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti, Alla ta’ Iżrael: Arawni, jien se nibgħat inġib lil Nabukodonosor, sultan ta’ Babilonja, il-qaddej tiegħi. U hu jqiegħed it-tron tiegħu fuq dan il-ġebel li int waħħalt u jifrex il-baldakkin tiegħu fuqu.

11 U jiġi, u jaħbat għall-art tal-Eġittu; u min hu għall-mewt, għall-mewt; min hu għall-eżilju, għall-eżilju; u min hu għax-xabla, għax-xabla.

12 ‘U t-tempji tal-allat tal-Eġittu jagħtihom in-nar u jaħraqhom; iġorrhom fl-eżilju; u jifli l-art tal-Eġittu, bħalma jifli r-ragħaj mantaru, u joħroġ minn hemm rebbieħ.

13 U jkisser il-plieri ta’ Belt ix-Xemx, li hemm fl-art tal-Eġittu; u d-djar tal-allat tal-Eġittu jagħtihom in-nar u jaħraqhom.’ ”

## Ġeremija 44

### L-aħħar parir tal-Profeta

1 Il-kelma li ġiet lil Ġeremija għal-Lhud li kienu jgħammru fl-art tal-Eġittu u joqogħdu f’Migdol, f’Taħfanħes, f’Nof, u fl-art ta’ Patros u qalilhom:

2 “Dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti, Alla ta’ Iżrael: Intom rajtu l-ħsara kollha li jiena ġibt fuq Ġerusalemm u fuq l-ibliet kollha ta’ Ġuda. Arawhom, illum saru ħerba u ħadd ma hemm jgħammar fihom.

3 Minħabba l-ħażen tagħhom li għamlu biex jinkuni u jinkurlawni billi marru jaħarqu l-inċens u jservu allat oħra, li ma kinux jafu bihom, la huma u la intom, u lanqas missirijiethom.

4 “U jien kont nibagħtilkom bla heda l-qaddejja tiegħi l-profeti biex jgħidulkom: ‘Isaw, tagħmlux dawn il-ħwejjeġ moqżieża li jien nistkerrah.’

5 Imma ma semgħux u lanqas taw widen biex jerġgħu lura minn ħżunithom, u ma joffrux aktar inċens lil allat oħra.

6 U xegħlu s-saħna u l-għadab tiegħi; xegħlu fuq l-ibliet ta’ Ġuda u fuq it-toroq ta’ Ġerusalemm, u saret minnhom ħerba u xagħra kif għadhom sal-lum.

7 “U issa dan jgħid il-Mulej, Alla tal-eżerċti, Alla ta’ Iżrael: għala qegħdin tagħmlu din il-ħsara kbira lilkom infuskom, billi teqirdu minn nofs Ġuda rġiel u nisa, tfal u trabi, u mhu se jibqa’ ħadd minnkom?

8 Għala qegħdin tinkuni b’għemil idejkom u taħarqu l-inċens lil allat oħra fl-art tal-Eġittu fejn intom ġejtu tgħammru, biex se tinqerdu, u se tkunu saħta u għajb fost il-ġnus kollha tal-art.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

9Jaqaw insejtu l-ħażen ta' missirijietkom, u l-ħażen tas-slaten ta' Ġuda, u l-ħażen
tan-nisa tagħhom, u l-ħażen tagħkom u tan-nisa tagħkom, li għamlu fl-art ta'
Ġuda u fit-toroq ta' Ġerusalemm.

10Sal-lum għadhom ma nidmux, ma beżgħux, u ma mxewx skont il-liġi tiegħi u l-
preċetti li jien qegħedt quddiemkom u quddiem missirijietkom.

11"Għalhekk dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti, Alla ta' Iżrael: Arawni, se ndawwar
wiċċi għal fuqkom biex nagħmlilkom il-ħsara u biex neqred 'il Ġuda kollu.

12U naqbad il-fdal ta' Ġuda li dawru wiċċhom biex imorru lejn l-Eġittu u
jgħammru hemm. Għad jintemmu lkoll fl-art tal-Eġittu; u jmutu bix-xabla u bil-
ġuħ; jintemmu miż-żgħir sal-kbir; imutu bix-xabla u bil-ġuħ; u jsiru dagħa u
waħx, saħta u għajb.

13U għad nikkastiga lil kull min jgħammar fl-art tal-Eġittu, bħalma kkastigajt lil
Ġerusalemm bix-xabla, bil-ġuħ u bil-pesta.

14U ma jkun hemm ħadd li jeħles jew jaħrab mill-fdal ta' Ġuda, li ġew jgħammru
fl-art tal-Eġittu bit-tama li jmorru lura lejn l-art ta' Ġuda, li għaliha mxennqin li
jerġgħu lura fiha u jgħammru hemm. Ma jerġgħux lura, ħlief xi maħrubin."

15U wieġbu lil Ġeremija l-irġiel kollha, li kienu jafu li n-nisa tagħhom kienu
qegħdin jaħarqu l-inċens lil allat oħra, u n-nisa kollha li kienu miġbura f'ġemgħa
kbira, u l-poplu kollu li kien jgħammar fl-art tal-Eġittu f'Patros u qalulu:

16"Dak li għedtilna f'isem il-Mulej, m'aħniex se nisimgħu minnek.

17Għax aħna rridu nagħmlu dak li ħareġ minn fommna, u naħarqu l-inċens lis-
sultana tas-smewwiet, u nsawbulha libazzjonijiet bħalma konna nagħmlu, aħna
u missirijietna, is-slaten u l-prinċpijiet tagħna, fl-ibliet ta' Ġuda u fit-toroq ta'
Ġerusalemm; u għalhekk konna mxebbgħin bil-ħobż, konna qegħdin tajjeb, u
ħsara ma rajniex.

18Imma minn mindu waqafna milli naħarqu l-inċens lis-sultana tas-smewwiet, u
nsawbulha l-libazzjonijiet, naqasna kollox, u ntemmejna bix-xabla u l-pesta."

19U n-nisa qalulu: "U meta aħna konna naħarqu l-inċens lis-sultana tas-
smewwiet u noffrulha l-libazzjonijiet jew meta konna nagħmlulha l-kagħak
xbieha tagħha u sawwabnielha l-libazzjonijiet, jaqaw dan konna nagħmluh bla
ma kienu jriduna żwieġna?"

20U Ġeremija wieġeb lill-poplu kollu, irġiel u nisa, il-kotra kollha, li kienu wieġbu
b'dan il-mod u qalilhom:

21"Jaqaw il-Mulej ma jiftakarx u ma jiġihx f'moħħu l-inċens li intom kontu
taħarqu fl-ibliet ta' Ġuda u fit-toroq ta' Ġerusalemm, intom u missirijietkom, is-
slaten u l-prinċpijiet tagħkom u l-poplu tal-pajjiż?

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

[22]Il-Mulej ma felaħx iżjed iġerragħkom minħabba l-ħażen ta' għemilkom u l-qżiżijiet li kontu tagħmlu; għalhekk artkom saret ħerba, u xagħri, u saħta bla ma ħadd joqgħod fiha, kif inhi llum.

[23]Għax intom ħraqtu l-inċens, u dnibtu kontra l-Mulej, u ma smajtux minn kliem il-Mulej, u ma mxejtux skont il-liġi, il-preċetti u d-digrieti tiegħu; għalhekk laħqitkom din il-ħsara kollha, kif inhi llum."

[24]U Ġeremija qal lill-poplu kollu, l-aktar lin-nisa: "Isimgħu l-kelma tal-Mulej, intom in-nies ta' Ġuda, ilkoll kemm intom, li qegħdin fl-art tal-Eġittu:

[25]Dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti, Alla ta' Iżrael: Intom u n-nisa tagħkom tgħiduh b'fommkom u tagħmluh b'idejkom, u tgħidu: 'Aħna rridu ntemmu l-wegħdiet tagħna, irridu li naħarqu l-inċens lis-sultana tas-smewwiet u li nsawbulha l-libazzjonijiet.' Żommu l-għewiedi tagħkom u sawbu l-libazzjonijiet tagħkom."

[26]Imma isimgħu l-kelma tal-Mulej, intom ilkoll, nies ta' Ġuda li qegħdin tgħammru fl-Eġittu: 'Arawni, jien naħlef b'ismi l-kbir, jgħid il-Mulej, li qatt iżjed, bl-ebda fomm ta' ħadd min-nies ta' Ġuda, ma jissemma ismi u jgħidu: 'Daqskemm hu ħaj il-Mulej' fl-art kollha tal-Eġittu.'

[27]Arawni, jien nixħet għajnejja fuqhom għad-deni u mhux għall-ġid tagħhom. U sal-inqas wieħed minn Ġuda li hemm fl-art tal-Eġittu jintemmu bix-xabla u bil-ġuħ.

[28]U dawk li jeħilsuha mix-xabla u jerġgħu lura mill-art tal-Eġittu lejn l-art ta' Ġuda, ikunu ftit fl-għadd. U jkunu jafu l-fdal ta' Ġuda, li ġew biex jgħammru fl-Eġittu, il-kelma ta' min isseħħ, tiegħi jew tagħhom.'

[29]"Dan ikunilkom ta' sinjal, oraklu tal-Mulej, li ser nikkastigakom f'dan il-pajjiż, sabiex tkunu tafu li t-tehdid tiegħi kontrikom iseħħ żgur.

[30]"Dan jgħid il-Mulej: 'Arani, se nerħi lill-Fargħun Ħofra, sultan tal-Eġittu, f'idejn l-għedewwa tiegħu u f'idejn dawk li qegħdin ifittxulu ħajtu bħalma jien erħejt lil Sedekija, sultan ta' Ġuda, f'idejn Nabukodonosor, sultan ta' Babilonja, l-għadu tiegħu li kien qiegħed ifittixlu ħajtu."

# Ġeremija 45

### Kelma lil Bàruk

[1]Il-kelma li qal Ġeremija, il-profeta, lil Bàruk bin Nerija, meta dan kiteb fi ktieb dan il-kliem minn fomm Ġeremija fir-raba' sena tas-sultan Ġeħojakim bin Ġosija, sultan ta' Ġuda, u qallu:

[2]"Dan jgħid il-Mulej, Alla ta' Iżrael lilek, Bàruk.

[3]Inti tgħid: 'Jaħasra għalija, li qiegħed iżidli l-Mulej l-għali man-niket li għandi. Jien għejejt nokrob, u ma nistax insib mistrieħ.'

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

4Hekk tgħidlu: 'Dan jgħid il-Mulej: Arani, dak li jiena bnejt, inħottu, u dak li jiena
ħawwilt, naqilgħu, jiġifieri l-art kollha.

5Jaqaw int qiegħed tfittex ħwejjeġ kbar? Tfittixhomx, għax, arani, se nġib il-ħsara
fuq kull bniedem, oraklu tal-Mulej, imma lilek inħallilek ħajtek bħallikieku priża
tal-gwerra, kull fejn tmur."

# Ġeremija 46

### L-orakli kontra l-ġnus

1Il-Kelma tal-Mulej dwar il-ġnus li ġiet lil Ġeremija l-profeta.

### Oraklu għall-Eġittu

2Għall-Eġittu. Dwar l-eżerċtu tal-Fargħun Neko, sultan tal-Eġittu li kien biswit
ix-xmara Ewfrat ħdejn Karkemis u li kissru Nabukodonosor, sultan ta' Babilonja,
fir-raba' sena ta' Ġeħojakim bin Ġosija, sultan ta' Ġuda:

3"Ħejju t-tarka l-kbira u ż-żgħira, u ersqu għat-taqtigħa.

4Xiddu ż-żwiemel, u irkbu, intom rikkieba! Hudu postkom bl-elmu f'raskom,
sinnu l-lanez, ilbsu l-kurazzi.

5X'qiegħed nara? Reġgħu lura kollha mwerwrin; il-qalbiena tagħhom imkissra,
maħruba u mitlufa, ma jħarsux lura, biża' ma' kullimkien, oraklu tal-Mulej.

6Ma jaħrabx il-ħafif, u l-qalbieni ma jeħlishiex. Lejn it-Tramuntana, ħdejn xatt l-
Ewfrat, jitfixklu u jaqgħu.

7Min hu tiela' bħan-Nil, bħal xmajjar ilmijietu mqanqla.

8L-Eġittu tiela' bħan-Nil, b'ilmijietu mqanqla bħal xmajjar, u hu jgħid: 'Jien nitla',
ngħatti l-art, u neqred il-belt u lil min jgħammar fiha.'

9Itilgħu, żwiemel, lebbtu 'l quddiem, imriekeb! Oħorġu, qalbiena! Nies minn Kus
u Put, intom li taqbdu t-tarka, nies minn Lud, li tħaddmu l-qaws.

10Dak il-Jum għal Sidi l-Mulej tal-eżerċti, Jum il-vendetta, ħa jitħallas mill-
għedewwa tiegħu. Ix-xabla għad tibla', għad tixba' u tisker f'demmhom: tassew
sagrifiċċju għal Sidi l-Mulej, fl-inħawi tat-Tramuntana ħdejn ix-xmara Ewfrat.

11Itla' f'Gilgħad, u ħu l-balzmu, xbejba bint l-Eġittu. Għalxejn tkattar id-dwiet,
m'hemmx fejqan għalik.

12Il-ġnus semgħu b'għajbek, u l-karba tiegħek dwiet mal-art, għax qalbieni
jitfixkel f'qalbieni ieħor, u t-tnejn flimkien jaqgħu fl-art."

### Oraklu għal Nabukodonosor

13Il-kelma li l-Mulej qal lill-profeta Ġeremija, meta Nabukodonosor, sultan ta'
Babilonja, ġie biex jaħbat għall-art tal-Eġittu:

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[14]“Ħabbru fl-Eġittu, u semmgħuh f’Migdol, xandruh f’Nof u Taħfanħes. Għidulu:
‘Qum fuq tiegħek u ħejji ruħek, għax ix-xabla qiegħda tibla’ kollox madwarek.

[15]Għaliex ħarab Afi? Għaliex il-gendus tiegħek ma waqafx? Għax il-Mulej xeħtu
mal-art.

[16]Il-kotra tiegħek tfixklet u waqgħet, u bdew jgħidu lil xulxin: ‘Qum, ħa mmorru
lura ma’ niesna, u f’art twelidna, ’il bogħod mix-xabla qerrieda.’

[17]Agħtu dan l-isem lill-Fargħun, sultan tal-Eġittu: ‘Ħsejjes waħdu, ħalla ż-żmien
jgħaddi!’

[18]Daqs kemm jien ħaj, oraklu tas-Sultan, Jaħweh tal-eżerċti ismu, bħat-Tabor
fost il-muntanji għad jiġi, bħall-Karmel fuq il-baħar.

[19]Lesti s-soror għall-eżilju, xbejba, li tgħammar f’bint l-Eġittu. Għax Nof ħerba
għad issir, irmied, mingħajr ħadd ma jgħammar fiha.

[20]Erħa sabiħa l-Eġittu, xidja mit-Tramuntana ġiet fuqu.

[21]Sa l-mikrija li għandu f’nofsu qishom għoġiela għas-simna. Saħansitra huma
daru u ħarbu lura, u ma żammewx iebes; għax jum it-telfien waslilhom, is-siegħa
ta’ kastighom.

[22]Leħnu bħal serp isaffar, għax ġejjin bil-qawwa tal-eżerċtu; bl-imnajjar ġejjin
għalih, bħal dawk li jqaċċtu s-siġar.

[23]Iqaċċtulu l-masġar tiegħu, oraklu tal-Mulej, għalkemm ma tgħaddix minnu,
għax kotrana huma aktar mill-ġradijiet, ma jingħaddux.

[24]Bint l-Eġittu ġiet fl-għajb, mitluqa f’idejn poplu tat-Tramuntana.”

### Oraklu għal Iżrael

[25]Il-kelma tal-Mulej tal-eżerċti, Alla ta’ Iżrael: “Arawni! Jien nikkastiga lil Amon
ta’ No, l-Eġittu, lill-allat tiegħu u s-slaten tiegħu, u lill-Fargħun, u ’l dawk li jafdaw
fih.

[26]U nerħihom f’idejn dawk li jfittxulhom ħajjithom, u f’idejn Nabukodonosor,
sultan ta’ Babilonja, u f’idejn il-qaddejja tiegħu, u wara dan l-Eġittu jitgħammar
bħal fi żmien il-qedem, oraklu tal-Mulej.

[27]“U int la tibżax, Ġakobb, il-qaddej tiegħi; u la titwerwirx, o Iżrael; għax, arani,
jien insalvak mill-bogħod, u lil nislek minn art l-eżilju tagħhom. Ġakobb jerġa’
lura u jgħix fil-kwiet, fiż-żgur, bla ħadd ma jbeżżgħu.

[28]Int, Ġakobb il-qaddej tiegħi, la tibżax, oraklu tal-Mulej, għax miegħek jien; jien
neqred il-ġnus kollha, li fosthom jien xerridtek; imma minnek ma nagħmilx
qerda; nikkastigak kemm jistħoqqlok, bla kastig għalkollox ma nħallikx.”

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

## Ġeremija 47

### Oraklu għall-Filistja

1Il-kelma tal-Mulej li ġiet lill-profeta Ġeremija għall-Filistin, qabel ma l-Fargħun kien ħabat għal Gaża:

2“Dan jgħid il-Mulej: Araw, l-ilmijiet telgħin mit-Tramuntana u se jsiru xmara mfawra. Se jgħarrqu l-art u kulma fiha, il-belt u n-nies li jgħixu fiha. Jgħajtu n-nies u jwerżqu, dawk kollha li jgħammru fil-pajjiż.

3Għat-tqawqib taż-żwiemel qawwija tiegħu; għall-ħsejjes kbar tal-karrijiet, u l-irbumbjar tar-roti tiegħu, il-missirijiet ma jdurux lejn uliedhom minħabba t-telqa ta’ jdejhom.

4Għax wasal jum il-qerda tal-Filistin ilkoll kemm huma, biex jinqered għal Tir u għal Sidon, kull min għad fadal jgħinhom. Għax il-Mulej se jeqred il-Filistin, il-bqija tal-gżira ta’ Kaftor.

5Qriegħet Gaża, intemmet Askalon. Int Asdod, fdal l-Għanakin, kemm se ddum tqatta’ ġismek?

6Ah, ix-xabla tal-Mulej, kemm se ddum ma tieqaf? Erġa’ idħol f’għantek, strieħ u iskot!

7Kif tista’ tieqaf jekk jikkmandaha l-Mulej? Askalon u x-xtajta tal-baħar, għal hemm hu bagħatha?

## Ġeremija 48

### Oraklu għal Mowab

1Għal Mowab: dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti, Alla ta’ Iżrael: “Gwaj għal Nebu, saret ħerba, waqgħet fl-għajb, inqabdet Kirjatajm; imgħajba u mirbuħa l-fortizza.

2Ma għadhiex aktar il-foħrija ta’ Mowab, f’Hesbon ifasslu l-ħażen kontrih: “Ejjew ħa neqirduh minn fost il-ġnus.’ U int ukoll, Madmèn, għad isikktuk; għal warajk għad tiġri x-xabla.

3Isma’ l-għajjat minn Horonajm! Herba u tkissir bil-kbir!

4Tfarrak Mowab, l-għajjat jinstama’ sa minn Segor.

5Għax it-telgħa ta’ Luħit imbikkija jitilgħuha. Għax fin-niżla ta’ Horonajm jisimgħu l-għajta tal-qerda.

6Aħarbu! Salvaw ħajjitkom, kunu bħal ħmar selvaġġ fix-xagħri.

7Għax int qegħedt it-tama tiegħek fix-xogħol ta’jdejk u t-teżori tiegħek, int ukoll għad jaqbduk. U Kemos jitlaq għall-eżilju bil-qassisin u l-prinċpijiet tiegħu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

8U l-qerried jilħaq ’il kull belt, u ebda belt ma teħlisha; jitħarbat il-wied, tinqered il-wita, bħalma qal il-Mulej.

9Agħti l-ġwienaħ lil Mowab ħalli jtir, għax blietu jsiru ħerba, u ħadd aktar ma jgħammar fihom.

10Misħut il-bniedem li jagħmel xogħol il-Mulej b’nofs kedda; u misħut hu min iżomm ix-xabla ’l bogħod mid-demm.

11Mowab kien bi kwietu sa minn żgħożitu, u mistrieħ fil-bittija u qatt ma tferragħ minn ġarra għal ġarra, u fl-eżilju qatt ma mar. Għalhekk dejjem baqgħetlu t-togħma tiegħu, u r-riħa tiegħu qatt ma nbidlet.

12Għalhekk arahom ġejjin jiem, oraklu tal-Mulej, meta nibgħat nies li jqallbu l-ġarar, u jqallbuh, u jferrgħu l-ġarar kollha tiegħu, u jitħnu l-qolol tagħhom.

13U Mowab għad jistħi minn Kemos bħalma stħaw dar Iżrael minn Betel, it-tama tagħhom.

14Kif tistgħu tgħidu: ‘Qalbiena aħna u rġiel ta’ ħila għall-ġlied’?

15Il-qerried ta’ Mowab u blietu tela’, u l-aħjar taż-żgħażagħ tiegħu niżlu għall-qatla, oraklu tas-Sultan, Jaħweh tal-eżerċti ismu.

16Għoddha waslet il-qerda ta’ Mowab, ġejja bl-għaġla l-ħsara tiegħu.

17Ibkuh intom ilkoll ġirien madwaru, u intom li tafu b’ismu u għidu: ‘Kif tkisser ix-xettru setgħan, ix-xettru glorjuż!”

18Inżel mill-glorja tiegħek, oqgħod fuq l-art niexfa, int li tgħammar f’Dibon, għax il-qerried ta’ Mowab tela’ għalik, ħa jġarraf il-fortizzi tiegħek.

19Oħroġ fit-triq u ħares, int li tgħammar f’Għarogħer. Stħarreġ il-maħrub u l-meħlus; staqsieh: ‘X’inhu li ġara?’

20Mowab waqqgħuh fl-għajb, għax tfarrak. Ixhru u għajtu, xandruha ma’ xtut l-Arnon li tkisser Mowab.

21Wasal il-ħaqq fuq art il-wita; fuq Ħolon u fuq Ġaħsa, u fuq Mefagħat,

22fuq Dibon u fuq Nebu, u fuq Bet-diblatajm;

23fuq Kirjatajm, u fuq Bet-gamul, u fuq Bel-megħon;

24fuq Kirjot u fuq Bosra, u fuq kull belt ta’ art Mowab, tal-qrib u tal-bogħod.

25Il-qawwa ta’ Mowab tfarrket u driegħu tkisser, oraklu tal-Mulej.

26Sakkruh għax tkabbar quddiem il-Mulej; ħa jitmiegħek fit-taqligħ tiegħu, ħa jaqa’ għaż-żufjett.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

27Ma waqqajtx lil Iżrael għaż-żufjett? Kien jaqaw maqbud fost il-ħallelin, biex kull meta kont titkellem fuqu, ixxejjer rasek?

28Ħallu l-ibliet u morru għammru fil-blat, intom li tgħammru f'Mowab. Kunu bħall-ħamiema, li tbejjet f'xifer l-irdum.

29Smajna bil-kburija ta' Mowab, imkabbar bil-bosta: kemm tgħolla, tkabbar u żżarġan! Kemm intefħet qalbu!

30Jien naf tajjeb kburitu, oraklu tal-Mulej, bi ftaħiru fil-vojt, b'għemilu fieragħ.

31Għalhekk jien nixher għal Mowab, għal Mowab kollu ngħajjat, għan-nies ta' Kir-ħeres jien nibki.

32Nibkik aktar minn Ġagħżer, ja dielja ta' Sibma! Feragħtek waslu 'l hemm mill-baħar, laħqu sa Ġagħżer. Fuq il-frott u l-ġabra tal-għeneb tiegħek se jinxteħet il-qerried.

33Għelbu l-ferħ u l-hena, mill-art għammiela ta' Mowab. Jien nixxift l-inbid mill-magħsar, l-għassar ma jagħsarx aktar; l-għana ferrieħ m'għadux għana ta' ferħ.

34L-għajjat ta' Hesbon jasal sa Elgħali, sa Ġaħas tasal l-għajta tagħhom, minn Sogħar jinstama' l-għajjat tagħhom, sa Horonajm u Għeglat-selisija, saħansitra l-ilmijiet ta' Nimrin nixfu.

35Jiena ntemm minn Mowab, oraklu tal-Mulej, lil min joffri s-sagrifiċċji fuq l-għoljiet, u jaħraq l-inċens lill-allat tiegħu.

36Għalhekk qalbi tokrob bħall-flawt għal Mowab; tingħi qalbi bħall-flawt għan-nies ta' Kir-ħeres; għax il-qligħ li għamlu mar fix-xejn.

37Kull ras tqarwżet, kull leħja tqaxxret; u idejhom kollha mqattgħin, u l-ġenbejn miksija bix-xkora.

38Fuq il-bjut kollha ta' Mowab, u fil-pjazez kollha, kullimkien biki, għax jien kissirt 'il Mowab bħal ġarra li ma togħġobnix, oraklu tal-Mulej.

39"Kif tfarrak! Xi jwerżqu! Kif dawwar dahru Mowab kollu għajb; Mowab waqa' għaż-żufjett, u sar waħx u twerwir għall-ġirien madwaru.

40Għax dan jgħid il-Mulej: "Araw, bħal ajkla jittajjar, u jifrex ġwenħajh għal fuq Mowab.

41Jinqabdu l-ibliet, jintrebħu l-fortizzi. F'dak il-jum qalb il-qalbiena ta' Mowab, tkun bħal qalb mara fil-ħlas.

42Ma jibqax poplu Mowab, jinqered, għax tkabbar kontra l-Mulej.

43Għalik li tgħammar f'Mowab m'hemmx ħlief biża', ħofra u nassa, oraklu tal-Mulej.


© 2020 Malta Bible Society.

44Min jaħrab mill-biża' jaqa' fil-ħofra; u min jitla' mill-ħofra jinqabad fin-nassa. Jien inġib dan kollu fuq Mowab fis-sena ta' kastighom, oraklu tal-Mulej.

45Għad-dell ta' Hesbon jistrieħu bla saħħa l-maħrubin; imma nar joħroġ minn Hesbon, u ilsna tan-nar mill-palazz ta' Siħon, u jibilgħu ġbin Mowab u l-qorriegħa tan-nies imkabbra.

46Gwaj għalik Mowab, intemm il-poplu ta' Kemos, għax is-subien tiegħek ittieħdu fil-jasar, u bnietek fl-eżilju.

47Imma jien inbiddel ix-xorti ta' Mowab, fl-aħħar jiem," oraklu tal-Mulej. Sa hawn il-ġudizzju fuq Mowab.

## Ġeremija 49

### Oraklu għal Għammon

1Għal ulied Għammon dan jgħid il-Mulej: "Ma għandux forsi wliedu Iżrael? Ma
għandux forsi werrieta? Mela għaliex Milkom wiret lil Gad, u l-poplu tiegħu jgħammar fi blietu?

2Għalhekk, araw, għad jiġu jiem, oraklu tal-Mulej, meta jien insamma' l-għajta
tal-gwerra għal Rabba ta' wlied Għammon, u ssir borġ ħerba, u blietha n-nar jaħraqhom, u Iżrael jiret lil min kien wirtu, il-kelma tal-Mulej.

3Għajjat, Hesbon, għax wasal il-qerried! Werżqu, bniet ta' Rabba. Tħażżmu bix-
xkejjer, u ibku, morru ġġerrew b'ġildkom imqatta'. Għax Mikom sejjer fl-eżilju, bil-qassisin u l-kbarat miegħu.

4X'int tiftaħar bil-widien għammiela, tfajla infidila! Qalbek qawwija bil-ħażniet
tiegħek tgħid: 'Min se jiġi għalija?'

5Arani se nġib fuqek il-biża', oraklu ta' Sidi l-Mulej tal-eżerċti, minn kull naħa ta'
madwarek. Isuqukom 'il barra kulħadd għal rasu, u ma jkun hemm ħadd li jiġbor il-maħrubin.

6Imma mbagħad irraġġa' lura x-xorti ta' wlied Għammon," oraklu tal-Mulej.

### Oraklu għal Edom

7U lil Edom dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti: "Forsi m'hemmx aktar għerf f'Teman?
Jaqaw għab l-għaqal mid-dehnin? Intemm l-għerf tagħhom?

8Aħarbu, erġgħu lura, morru inħbew fil-qiegħ, intom li tgħammru f'Dedan. Għax
se nġib fuq Għesaw il-qerda tiegħu fi żmien kastigu.

9Jekk l-għassara jiġu għandek, jaqaw ma jħallux xi fdal warajhom? Jekk billejl
jiġu l-ħallelin, jaqaw ma jeqirdux biss kemm ikollhom bżonn?


© 2020 Malta Bible Society.

10Hekk jien innażża' lil Għesaw, nikxiflu l-moħbiet tiegħu, bla ma jkun jista' jinħeba. Jinqerdu nislu, u ħutu, u ġirienu, u hu ma jibqax iżjed.

11Ħalli l-iltiema tiegħek, u jien ngħajjixhom u ħalli r-romol tiegħek jafdaw fija."

12Għax dan jgħid il-Mulej: "Araw, jekk dawk li ma kellhomx jixorbu l-kalċi issa jkollhom jixorbuh, jaqaw se tibqa' int bla kastig? Int ma teħlishiex, għax ikollok tixrob żgur!

13Għax jien ħlift bija nnifsi, oraklu tal-Mulej, li Bosra ssir ħerba, għajb, waħx, saħta, u bliethà jkunu kollha ħerba għal dejjem."

14Jien smajt aħbar mingħand il-Mulej, messaġġ intbagħat lill-ġnus: "Inġabru u morru għaliha u ħejju ruħkom għat-taqtigħa!

15Arani, se nċekknek fost il-ġnus, nagħmlek għajb fost il-bnedmin.

16Il-biża' li kont iġġib qarraq bik, il-kburija ta' qalbek, int li tgħammar fi xquq il-blat, tixxabbat mal-ogħla qċaċet. Imqar jekk tagħmel il-bejta tiegħek ogħla minn dik tal-ajkla, jien inniżżlek minn hemm, oraklu tal-Mulej.

17Edom għad issir waħx. Kull min jgħaddi minnha jibqa' mistagħġeb u bla nifs għall-ġerħiet li ġarrbet.

18Bħal meta ġġarrfu Sodoma u Gomorra u l-ġirien tagħhom, jgħid il-Mulej, ħadd iżjed ma jgħammar hemm, ebda bniedem ma jmur joqgħod fiha.

19Ara, bħal iljun tiela' mill-masġar tal-Ġordan, għall-mergħat dejjiema, hekk f'tebqa t'għajn jiena nħarrbu minnu, u nqiegħed fuqu l-maħtur tiegħi. Għax min hu bħali? Min se jħarrikni? Min hu r-ragħaj li jiqafli?

20Għalhekk isimgħu fehmet il-Mulej, li għamel għal Edom, u l-ħsieb li għandu għal dawk li jgħammru f'Teman. Iva, ikaxkrulhom saż-żgħar tan-nagħaġ tagħhom, ħerba ssirilhom il-mergħa tagħhom.

21Titheżżeż l-art għall-ħoss tal-waqgħa tagħhom; sa minn Baħar il-Qasab jinstama' twerżiqhom.

22Arawh! Bħal ajkla jitla' u jittajjar ħafif, għal fuq Bosra jifrex ġwenħajh, u qalb il-qalbenin ta' Edom dakinhar, bħal qalb mara fil-ħlas issir."

## Oraklu għal Damasku

23Dwar Damasku: "Imħawda Hamat u Arfad, għax aħbar ħażina semgħu; imqallba bħall-baħar, tqanqlu u m'għandhomx kwiet.

24Infniet Damasku, daret biex taħrab, qabditha r-rogħda; id-diqa u l-uġigħ, bħal mara fil-ħlas ħakmuha.

25Kif telquha, belt it-tifħir, belt l-għaxqa!


© 2020 Malta Bible Society.

26Iż-żgħażagħ tagħha għad jaqgħu mejta fil-pjazez tagħha, u jinqerdu l-
gwerriera dakinhar, oraklu tal-Mulej tal-eżerċti.

27Inkebbes in-nar fuq swar Damasku, u l-palazzi ta' Benħadad jiblagħhom.

### Oraklu għal Kedar

28Għal Kedar u s-saltniet ta' Ħasor, li rebaħhom Nabukodonosor, sultan ta'
Babilonja. Dan jgħid il-Mulej: "Qumu u itilgħu għal Kedar u ħarbtu n-nies tal-
Lvant.

29Ħa jeħdulhom l-għerejjex u l-imrieħel tagħhom, ix-xaqaq u tagħmirhom kollu;
ħa jaqbdulhom l-iġmla tagħhom. Ħa jgħajtu minħabba fihom: 'Biża' minn
kullimkien.'

30Aħarbu, morru 'l bogħod, għammru f'qiegħ l-art, intom li tgħammru f'Ħasor!"
Oraklu tal-Mulej. Għax Nabukodonosor, sultan ta' Babilonja, għandu pjan
kontrikom, fassal ħsieb kontrikom.

31Qumu u itilgħu kontra ġens bi kwietu, li jgħammar fiż-żgur, oraklu tal-Mulej,
la għandu bwieb u anqas żbarri, u waħdu jgħammar.

32U l-iġmla tiegħu jaqbduhom priża, u jeħdulu l-kotra tal-imrieħel tiegħu; u jien
inxerred ma' kull riħ lil dawk li jqarwżu ngħashom, u minn kull naħa l-ħsara nġib
fuqhom, oraklu tal-Mulej.

33Bejta tax-xakalli ssir Ħasor, ħerba għal dejjem. Ħadd ma jgħammar fiha u ebda
bniedem ma joqgħod hemm."

### Oraklu għal Għelam

34Il-kelma tal-Mulej li ġiet lil Ġeremija, il-profeta, fuq Għelam, fil-bidu tas-saltna
ta' Sedekija, sultan ta' Ġuda, u qallu:

35Dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti: "Arani, se nfarrak qaws Għelam, sies qawwietu.

36U nġib fuq Għelam l-erbat irjieħ mill-erbat itruf tas-sema, u nxerridhom mal-
irjieħ kollha, u ma jkunx hemm ġens fejn ma jaslux fih il-maħrubin minn Għelam.

37Jien inwerwer lil Għelam quddiem l-għedewwa tiegħu, u quddiem dawk li
jfittxulu ħajtu; u nġib fuqhom il-ħsara, is-saħna tal-korla tiegħi, oraklu tal-Mulej.
Nibgħat warajhom ix-xabla sakemm inkun qridthom.

38U jien inqiegħed it-tron tiegħi f'Għelam, u nqaċċat minn hemm is-sultan u l-
prinċpijiet, oraklu tal-Mulej.

39U jiġri fl-aħħar jiem, irraġġa' x-xorti ta' Għelam, oraklu tal-Mulej."

## Ġeremija 50

### Oraklu għal Babilonja

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

1Il-kelma li qal il-Mulej għal Babilonja u art il-Kaldin permezz tal-profeta Ġeremija:

2"Ħabbru lill-ġnus u xandru, għollu stendard u xandru, taħbu xejn imma għidu: 'Babilonja ttieħdet, Bel mistħi, Merodak imħawwad, allatha mistħija; l-idoli tagħha mkissra.'

3Għax tiela' għaliha poplu mit-Tramuntana, u minn artha jagħmel ħerba. Ma jkun hemm ħadd jgħammar fiha; bnedmin u bhejjem telqu u ħarbu.

4F'dawk il-jiem u f'dak il-waqt, oraklu tal-Mulej, ulied Iżrael flimkien ma' wlied Ġuda jibku huma u ġejjin, għad jiġu jfittxu lill-Mulej Alla tagħhom.

5Għal Sijon jistaqsu, lejha jdawru wiċċhom: "Ejjew nintrabtu mal-Mulej b'patt għal dejjem ma jintesa qatt.'

6Merħla nagħaġ mitlufa l-poplu tiegħi; ħarġuhom mit-triq ir-rgħajja tagħhom; irħewlhom jiġġerrew fuq l-għoljiet, minn muntanja għal għolja dejjem sejrin, sa nsew il-maqjel tagħhom.

7Kien jiblagħhom kull min kien isibhom, l-għedewwa tagħhom kienu jgħidu: 'Aħna ma naħtu xejn għax huma dinbu kontra l-Mulej. Mergħa tas-sewwa l-Mulej, u t-tama ta' missirijiethom.'

8Aħarbu minn nofs Babilonja, mill-art tal-Kaldin, oħorġu u kunu bħall-bdabad f'ras il-merħla.

9Għax, arani, se nqajjem u ntella' għal Babilonja ġemgħa ta' ġnus kbar mill-art tat-Tramuntana; dawn jitqassmu kontra tagħha, minn hemm jaħtfuha, il-vleġeġ tagħhom bħal ta' gwerrier tas-sengħa, li qatt ma jerġa' lura idu f'idu.

10U tkun il-kadilja priża, u jixbgħu dawk li jisirquha, oraklu tal-Mulej.

11Ifirħu! Aqbżu bil-ferħ! Intom li sraqtu 'l wirti. Iva! Aqbżu bħal għoġol fuq il-mergħa, u iżhru bħal fħal.

12Imma ommkom waqgħet f'mistħija kbira, dik li wilditkom waqqgħuha fl-għajb. Arawha, ġiet l-aħħar fost il-ġnus, saret deżert, art niexfa u xagħra.

13Minħabba l-għadab tal-Mulej, ħadd ma jgħammar fiha; kollha kemm hi tkun ħerba. Kull min jgħaddi minn ħdejn Babilonja, jibqa' mistagħġeb u bla nifs għall-ġerħiet li ġarrbet.

14Tqassmu kontra Babilonja dawramejt, intom ilkoll li tiġbdu l-qaws. Waddbulha l-vleġeġ; tibżgħux għalihom, għax dinbet kontra l-Mulej.

15Għajtu kontriha minn kull naħa, refgħet idejha, waqgħu torrijietha, ġġarrfu ħitanha. Tassew, il-Mulej qed jitħallas minnha, tħallsu minnha, bħalma għamlet hi, agħmlu lilha.


© 2020 Malta Bible Society.

16Eqirdu minn Babilonja lil min jiżra', lil min jaqbad il-minġel fi żmien il-ħsad.
Minn quddiem ix-xabla qattiela, idur kull wieħed lejn il-poplu tiegħu, u kulħadd
jaħrab lejn artu.

### Iżrael jerġa' lura lejn artu

17Nagħġa mitlufa kien Iżrael, bl-iljuni jiġru warajha. L-ewwel belagħha s-sultan
tal-Assirja; imbagħad Nabukodonosor, sultan ta' Babilonja, gerrmilha
għadamha."

18Għalhekk dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti, Alla ta' Iżrael: "Arani, se nikkastiga s-
sultan ta' Babilonja u 'l artu, bħalma kkastigajt is-sultan tal-Assirja.

19Imma rraġġa' lura 'l Iżrael lejn meragħtu. Għad jirgħa fuq il-Karmel u f'Basan,
u fuq il-muntanji ta' Efrajm u Gilgħad għad jixba'.

20F'dawk il-jiem u f'dak iż-żmien, oralu tal-Mulej, ifittxu l-ħażen ta' Iżrael, u ma
jsibuhx, u d-dnubiet ta' Ġuda, u ma jsibuhomx, għax jien naħfer lil min inħalli ħaj.

21Itla' għall-art ta' Meratajm, għaliha u għal min jgħammar f'Fekod. Oqtol u eqred
li jibqa', oraklu tal-Mulej, u agħmel kulma ordnajtlek.

22Ħsejjes ta' gwerra fil-pajjiż, u qerda kbira.

23Kif tkisser u tfarrak il-martell tal-art kollha! Kif saret waħx Babilonja fost il-
ġnus!

24Insabtlek, u int inqbadt, Babilonja, u int ma ntbaħtx. Sibtek u qbadtek, għax int
ħadtha kontra l-Mulej.

25Il-Mulej fetaħ il-maħżen tiegħu, u ħareġ l-armi tal-korla tiegħu, għax għandu
x'jagħmel il-Mulej f'art il-Kaldin.

26Ejjew għaliha minn truf l-art, u iftħu mħażen qmuħha. Geddsu kollox bħal
munzell, u eqirdu kollox, li minnha ma jibqa' xejn.

27Oqtlu l-gniedes kollha, ħa jinżlu għall-biċċerija. Gwaj għalihom, għax
waslilhom il-Jum, żmien il-kastig.

28Isma'! Il-maħrubin u l-meħlusin minn art Babilonja, marru jħabbru f'Sijon il-
vendetta tal-Mulej, Alla tagħna, il-vendetta għat-tempju tiegħu.

29Sejħu l-arċieri kontra Babilonja, lil dawk kollha li jiġbdu l-qaws; waqqfu l-
kamp madwarha, biex ħadd ma jeħles minnha. Ħallsuha skont ma għamlet,
għamlulha skont għemilha. Għax iżżarġnet kontra l-Mulej; kontra l-Qaddis ta'
Iżrael.

30Għalhekk jaqgħu ż-żgħażagħ tagħha mejta fil-pjazez tagħha, u jintemmu l-
gwerriera dakinhar, oraklu tal-Mulej.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

31Arani, wieqaf quddiemek, ja mżarġna, oraklu ta' Sidi l-Mulej tal-eżerċti. Wasal il-Jum tiegħek, żmien kastigek.

32U l-imżarġna togħtor u titgerbeb, u ma jkunx hemm min iqajjimha. Nagħti n-nar lil bliethа, u jibla' l-inħawi kollha ta' madwarha.

33Dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti: 'Imgħakksin ulied Iżrael, u wlied Ġuda magħhom. Dawk kollha li ħaduhom fl-eżilju, jgħassu fuqhom, ma jridux jitilquhom.'

34Imma l-Feddej tagħhom b'saħħtu, Jaħweh tal-eżerċti jismu. Jiddefendi l-kawża tagħhom, biex jikkwieta d-dinja, imma jħawwad in-nies ta' Babilonja.

35Xabla għal fuq il-Kaldin, oraklu tal-Mulej, u għal fuq in-nies ta' Babilonja; u għal fuq il-prinċpijiet u l-għorrief tagħha.

36Xabla għal fuq dawk li jeħbru ħalli jiġġennu. Xabla għal fuq il-gwerriera tagħha, ħalli jitwerwru.

37Xabla għal fuq iż-żwiemel u l-imriekeb tagħha; u għal fuq il-poplu mħallat li hemm f'nofsha; ħa jsiru bħan-nisa. Xabla għal fuq l-imħażen tagħha, ħa jisirquhom.

38Xabla għal fuq l-ilmijiet ħalli jinxfu. Għax art l-idoli hi, u jiftaħru bil-babaw.

39Għalhekk għad jgħammru fiha l-bhejjem tax-xagħri u x-xakalli, u hemm joqogħdu n-ngħam. Qatt iżjed ma tkun mgħammra, u aktar fiha ma joqgħod ħadd, minn żmien għal żmien.

40Bħal meta Alla qered lil Sodoma u lil Gomorra, u l-ibliet tal-qrib, oraklu tal-Mulej, hekk ħadd iżjed ma jgħammar hemm, u ebda bniedem ma joqgħod fiha.

41Araw, poplu ġej mit-Tramuntana, ġens kbir u kotra slaten jitqanqlu minn truf id-dinja.

42Il-qaws u l-vleġeġ jaqbdu; kiefra, nies bla ħniena, għajjathom ikarwat bħall-baħar, u ż-żwiemel jirkbu. Lesti bħal bniedem wieħed għat-taqtigħa, għalik, bint Babilonja!

43Sama' s-sultan ta' Babilonja b'aħbarhom, u ntelqu idejh, qabditu d-diqa, l-uġigħ ta' mara fil-ħlas.

44Arah, bħal iljun tiela' mill-masġar tal-Ġordan, għall-mergħat dejjiema, hekk f'tebqa t'għajn jiena nħarrbu minnu, u nqiegħed fuqu l-maħtur tiegħi. Għax min hu bħali? Min se jħarrikni? Min hu r-ragħaj li se jiqafli?

45Għalhekk isimgħu fehmet il-Mulej li għamel għal Babilonja, u l-ħsieb li għandu għal dawk li jgħammru f'art il-Kaldin. Iva, ikaxkrulhom iż-żgħar tan-nagħaġ tagħhom. Iva, ħerba ssirilhom mergħathom.


© 2020 Malta Bible Society.

46Titheżżeż l-art mal-ħoss tal-waqgħa ta’ Babilonja, u l-għajta tagħha tinstama’ fost il-ġnus.”

## Ġeremija 51

### Il-kastig ta’ Babilonja

1Dan jgħid il-Mulej: “Arani, se nqajjem kontra Babilonja u kontra n-nies tal-Kaldija, riħ qerried.

2Nibgħat f’Babilonja nies derrejja; iderruha u jneżżgħulha artha, għax jinżlu għaliha minn kull naħa f’jum il-ħsara.

3Ma jiġbidx l-arċier il-qaws, ma jiżżarġanx bil-kurazza tiegħu! Taħfruhiex liż-żgħażagħ tagħha, eqirdulha l-eżerċtu kollu tagħha.

4Ha jaqgħu mejta n-nies f’art il-Kaldin, u miġruħin fit-toroq tagħha.

5Imma Iżrael mhijiex xi armla, anqas Ġuda, mhija mitluqa minn Alla tagħhom, il-Mulej tal-eżerċti, minkejja li arthom mimlija dnubiet kontra l-Qaddis ta’ Iżrael.

6Aħarbu minn nofs Babilonja, u jaħseb kulħadd għal ħajtu. La tinqerdux minħabba ħżunitha; għax hu żmien il-vendetta għall-Mulej, se jroddilha kulma ħaqqha,

7Kalċi tad-deheb kienet Babilonja f’id il-Mulej, u bih sakkar l-art kollha. Il-ġnus xorbu minn inbidha, u għalhekk bliehu l-ġnus.

8Għal għarrieda waqgħet Babilonja, tfarrket. Ibkuha! Ġibu l-balzmu għall-uġigħ tagħha, għandha mnejn tfiq.

9Konna nfejquha ’l Babilonja, imma hija ma fiqitx. Halluha, immorru kulħadd lejn artu, għax il-ħaqq tagħha laħaq sas-sema, u għola sa ġos-sħab.

10Għax il-Mulej ħareġ is-sewwa tagħna għad-dawl. Ejjew u nxandru f’Sijon, għemil il-Mulej Alla tagħna.”

### Il-Medi jitħallsu

11“Sinnu l-vleġeġ! Imlew il-barżakki! Għax il-Mulej qajjem ruħ is-slaten tal-Medja, għamel il-ħsieb li ’l Babilonja jfarrakha; għax din hi l-vendetta tal-Mulej, il-vendetta għat-tempju tiegħu.

12Biswit il-ħitan ta’ Babilonja għollu l-istendard, saħħu l-għases, qiegħdu l-għassiesa, onsbu n-nases. Għax dak li l-Mulej ħaseb, dak għamel, dak li kien qal għan-nies ta’ Babilonja.

13Int li toqgħod ħdejn il-gliegel tal-ilma, li għandek teżori kbar, wasal tmiemek, waslet għall-qtugħ il-medda tiegħek.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

14Il-Mulej tal-eżerċti ħalef bih innifsu: 'Nimliek bin-nies kotrana bħal ġradijiet, u
jgħollu kontrik l-għajta tar-rebħa.'

15Għamel l-art bil-ħila tiegħu; issoda d-dinja bl-għerf tiegħu, u bid-dehen tiegħu
firex is-smewwiet.

16Mal-ħoss ta' leħnu, jitqanqlu l-ilmijiet tas-sema, u jtella' s-sħab minn truf l-art;
jagħmel il-beraq għax-xita, u mill-imħażen tiegħu joħroġ l-irjieħ.

17Iblah il-bniedem u bla għerf; l-arġentier jistħi għall-idolu tiegħu. Għax gidba x-
xbieha mdewba, ma fiha ebda ruħ.

18Frugħat huma u xogħol taċ-ċajt; f'jum kastighom jintemmu lkoll.

19Mhux bħalhom sehem Ġakobb, għax hu għamel kulma hu. Iżrael hu t-tribù tal-
wirt tiegħu, Jaħweh tal-eżerċti jismu.

20Il-martell kont int għalija, l-għodda tal-gwerra. Bik kissirt il-ġnus; bik ħarbatt
is-saltniet;

21bik kissirt iż-żiemel u r-rikkieb; bik kissirt il-mirkeb u s-sewwieq,

22bik kissirt ir-raġel u l-mara; bik kissirt ix-xiħ u t-tifel; bik kissirt iż-żagħżugħ u
x-xebba;

23bik kissirt ir-ragħaj u l-merħla; bik kissirt il-bidwi u l-gniedes; bik kissirt
gvernaturi u kmandanti.

24Lil Babilonja taħt għajnejkom inħallasha, lilha u n-nies kollha tal-Kaldija, għad-
deni kollu li għamlu lil Sijon, oraklu tal-Mulej.

25Arani kontrik, muntanja qerrieda, oraklu tal-Mulej, li qridt l-art kollha. Jien
immidd idejja għal fuqek, u ngerbek minn fuq il-blat, u nagħmel minnek
muntanja nar.

26U minnek ma jiħdux la l-ġebla tax-xewka, u anqas ħaġar għas-sisien. Għax issir
ħerba għal dejjem, oraklu tal-Mulej.

27Għollu stendard fuq l-art, doqqu l-kornu fost il-ġnus. Lestu l-ġnus għaliha,
sejħu s-saltniet kontriha: Ararat, Minni u Askenaż. Ibagħtu kontriha l-kittieba
tal-eżerċti, tellgħu ż-żwiemel bħal ġradijiet bix-xwiek.

28Hejju l-ġnus għaliha, is-slaten tal-Medja, bil-gvernaturi u l-maġistrati tagħhom
bl-art kollha taħt ħakmithom.

29Titkexkex l-art u titriegħed, għax iseħħ ħsieb il-Mulej għal Babilonja, li jagħmel
ħerba minn art Babilonja, u ħadd iżjed ma jgħammar fiha.

30Waqfu mill-ġlied il-qalbenin ta' Babilonja, u baqgħu fil-fortizzi; naqsithom il-
qlubija u saru qishom nisa. Id-djar tagħha tawhom in-nar, tkissru l-iżbarri
tagħha.


© 2020 Malta Bible Society.

31Kurrier jiġri wara kurrier, messaġġier biex jilħaq messaġġier ieħor, biex jgħarraf lis-sultan ta' Babilonja, li beltu ttieħdet minn kullimkien.

32Il-mogħdijiet inqabdu, u l-fortizzi tawhom in-nar, u l-gwerriera tilfu rashom.

33Għax dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti, Alla ta' Iżrael: 'Bint Babilonja qisha l-qiegħa fi żmien id-dris tagħha. Ftit ieħor u jaslilha jum il-ħsad.'

### Babilonja ħerba

34"Belagħni, ġiebni fix-xejn, Nabukodonosor, sultan ta' Babilonja; għamel minni ġarra fiergħa. Belagħni bħal dragun, żaqqu mela bl-aħjar li kelli, u mbagħad irmieni 'l barra.

35'Ha tilħaq 'il Babilonja l-moħqrija li laħqet lili u 'l qrabati,' jgħidu n-nies li jgħammru f'Sijon. 'Ha jaqa' demmi fuq in-nies, li jgħammru fil-Kaldija,' tgħid Ġerusalemm.

36Għalhekk dan jgħid il-Mulej: "Arani, se niddefendi l-kawża tiegħek, u nitħallas għalik. Innixxef il-baħar tagħha, u nqaxqxilha l-għejun tagħha.

37Babilonja ssir borġ ħerba, bejta għax-xakalli, waħx u tmaqdir, għax ħadd ma jkollha jgħammar fiha,

38Ilkoll flimkien jgħajtu bħal iljuni, bħal frieħ ta' ljuni jgargru.

39Meta jkunu fis-sħana nħejjilhom festa, insakkarhom sakemm jistordu, u jorqdu raqda għal dejjem, bla ma qatt iżjed jistenbħu, oraklu tal-Mulej.

40Inniżżilhom bħall-ħrief għall-qatla bħall-bdabad u l-imtaten.

41Kif inħatfet Sesak, u ntrebħet il-foħrija tad-dinja! Kif saret Babilonja waħx fost il-popli!

42Babilonja tela' l-baħar għaliha! u għerqet taħt il-qawwa tal-ħalel tiegħu.

43Blietha saru ħerba, art niexfa u xagħra, u ħadd ma jgħammar fihom, u ebda bniedem ma jgħaddi minnhom.

44Jien nikkastiga 'l Bel f'Babilonja, noħroġlu minn ħalqu kulma bela'; il-ġnus ma jiġrux aktar lejh. Sas-swar ukoll ta' Babilonja ġġarrfu.

### Il-poplu jaħrab

45Oħorġu minn nofsha, poplu tiegħi! Ha jsalva kull wieħed ħajtu minn qillet il-korla tal-Mulej.

46Taqtgħux qalbkom u la tibżgħux bl-aħbar li xterdet fil-pajjiż. Is-sena tasal aħbar, u oħra s-sena ta' wara. Moħqrija jkun hawn fl-art, u tirann kontra tirann.

47Għalhekk għad jiġi żmien, meta jien niġi nżur l-idoli ta' Babilonja; u l-pajjiż kollu tagħha għad jistħi, u l-midrubin kollha jaqgħu mejta f'nofsha.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

48U għad jgħajtu bil-ferħ għal Babilonja s-sema u l-art u kulma fihom, għax mit-Tramuntana għad jiġu għaliha l-qerrieda, oraklu tal-Mulej.

49Babilonja wkoll għad taqa', minħabba l-midrubin ta' Iżrael; bħalma waqgħu għal Babilonja l-midrubin tad-dinja kollha.

50Intom li ħlistuha mix-xabla, itilqu, la tiqfux. Ftakru fil-Mulej mill-bogħod, u ħallu 'l Ġerusalemm tfeġġ f'qalbkom.

51Tħawwadna bl-għajb li smajna, wiċċna nkesa bil-mistħija, għax daħlu l-barranin fis-santwarju ta' dar il-Mulej.

52Għalhekk, araw, għad jiġu jiem, oraklu tal-Mulej, u jien nagħmel ħaqq mill-idoli tagħha, u f'artha kollha jokorbu l-midrubin.

53Imqar jekk Babilonja togħla sas-smewwiet, u ssaħħaħ l-għoli ta' qawwietha mingħandi jaslulha l-qerrieda, oraklu tal-Mulej.

### Il-qerda

54Isimgħu! Twerżiq u għajjat minn Babilonja, tkissir kbir minn art il-Kaldin!

55Għax il-Mulej qiegħed iħarbat lil Babilonja, u jsikket l-għajjat kbir tagħha. Igargru l-ħalel tagħhom bħal ilmijiet kotrana u jidwu l-ħsejjes tagħhom ma' kullimkien.

56Għax wasal fuq Babilonja l-qerried; qabduhom il-qalbiena tagħha, u tkissru l-qwies tagħhom. Għax Alla li jħallsu hu l-Mulej, u jħallas fuq li jħallas.

57Insakkar il-prinċpijiet u l-għorrief tagħha, il-gvernaturi, il-kmandanti u l-gwerriera tagħha; jorqdu raqda għal dejjem u ma jistenbħu qatt minnha aktar, oraklu tas-Sultan, Jaħweh tal-eżerċti ismu.

58Dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti: "Is-sur wiesa' ta' Babilonja jiġġarraf sal-qiegħ, u bibienha l-għolja n-nar jaħraqhom. Għax-xejn jitħabtu l-ġnus, u l-popli jinfnew għan-nar.

### Il-messaġġ ta' Ġeremija

59Dan hu l-messaġġ li ta Ġeremija, il-profeta, lil Xeraja bin Nerija, bin Maħseja, meta dan mar Babilonja ma' Sedekija, sultan ta' Ġuda, fir-raba' sena tas-saltna tiegħu. Xeraja kien l-uffiċjal li kien ħa ħsieb l-alloġġi.

60Ġeremija kiteb fi ktieb wieħed il-ħsara kollha li kellha taqa' fuq Babilonja: dan il-kliem kollu miktub kontra Babilonja.

61U Ġeremija qal lil Xeraja: "Meta tasal Babilonja qis li taqra dan il-kliem kollu

62u għid: 'Mulej, int għedt li trid teqred dan il-pajjiż u ma jkun hemm ħadd li jgħammar fih, u la nies u lanqas bhejjem, imma jkun ħerba għal dejjem.'

63Meta tispiċċa taqra dan il-ktieb orbotlu ġebla miegħu u waddbu f'nofs l-Ewfrat


© 2020 Malta Bible Society.

64u għid: 'Hekk għad tegħreq Babilonja u ma tqum qatt iżjed minħabba l-ħsara li
jien inkun ġibt fuqha.' " Sa hawn kliem Ġeremija.

## Ġeremija 52

### L-assedju u l-waqgħa ta' Ġerusalemm

1Sedekija kellu wieħed u għoxrin sena meta beda jsaltan u dam isaltan ħdax-il
sena f'Ġerusalemm, u ommu kien jisimha Hamutal, bint Ġeremija minn Libna.

2U għamel il-ħażin f'għajnejn il-Mulej bħal kulma kien għamel Ġeħojakin.

3Dan ġara minħabba l-korla tal-Mulej kontra Ġerusalemm u Ġuda, sa ma
warrabhom minn quddiem wiċċu. Sedekija qam kontra s-sultan ta' Babilonja.

4Fid-disa' sena tas-saltna tiegħu, fl-għaxar xahar, fl-għaxra tax-xahar,
Nabukodonosor, sultan ta' Babilonja, tela' għal Ġerusalemm, hu u l-eżerċtu
tiegħu kollu, u waqqfu l-kamp quddiemha, u tella' ħajt dawramejt magħha.

5U l-belt damet magħluqa f'assedju sal-ħdax-il sena tas-sultan Sedekija.

6Fir-raba' xahar, fid-disgħa tax-xahar, meta l-ġuħ kien qabad jaħkem sewwa fuq
il-belt u ma kienx hemm iżjed ħobż għan-nies tal-pajjiż,

7infetħet tiċrita fis-swar tal-belt, u s-sultan, bis-suldati kollha miegħu ħarbu u
ħarġu mill-belt billejl, u għaddew mill-bieb ta' bejn iż-żewġ ħitan, li kien jagħti
għall-ġnien tas-sultan, u, waqt li l-Kaldin kienu jdawru l-belt minn kull naħa, hu
qabad it-triq tal-Għaraba,

8Is-suldati Kaldin telqulha għal wara s-sultan, u laħqu 'l Sedekija fix-xagħri ta'
Ġeriko, fejn l-eżerċtu kollu tiegħu tferrex 'il bogħod minnu.

9U qabdu s-sultan, u ħaduh f'Ribla, għand is-sultan ta' Babilonja fil-pajjiż ta'
Hamat, u dan qatagħlu s-sentenza.

10U s-sultan ta' Babilonja qatel 'l ulied Sedekija quddiemu stess, u qatel ukoll il-
prinċpijiet ta' Ġuda f'Ribla.

11U lil Sedekija għamieh, rabtu bil-ktajjen, u ħadu Babilonja, u għalqu l-ħabs sa
jiem mewtu.

12Fil-ħames xahar l-għaxra tax-xahar - kienet id-dsatax-il sena tas-sultan
Nabukodonosor, sultan ta' Babilonja - Nebużardan, kmandant tal-għases,
wieħed minn ta' madwar is-sultan ta' Babilonja, daħal Ġerusalemm.

13Haraq it-tempju tal-Mulej, u l-palazz tas-sultan, u d-djar kbar kollha ta'
Ġerusalemm.

14U s-suldati kollha tal-Kaldin, li kienu mal-kmandant tal-għases, ġarrfu s-swar
kollha ta' madwar Ġerusalemm.


© 2020 Malta Bible Society.

15U kull min kien fadal mill-poplu, li kienu baqgħu fil-belt, u dawk li kienu ċedew
u għaddew għal mas-sultan ta' Babilonja, u l-bqija kollha tan-nies, Nebużardan,
il-kmandant tal-għases ħadhom fl-eżilju.

16Nebużardan, il-kmandant tal-għases, ħalla xi wħud minn fost il-fqar tal-pajjiż
biex jaħdmu d-dwieli u r-raba'.

17U l-Kaldin kissru l-kolonni tal-bronż, li kien hemm fit-tempju tal-Mulej, u l-
maqgħad u l-vaska tal-bronż li kienet fit-tempju tal-Mulej, u ġarrew il-bronż
tagħhom lejn Babilonja.

18U ħadu l-borom, u l-pwali, u l-imqassijiet, u l-bwieqi, u t-tagħmir kollu tal-
bronż li kienu jinqdew bihom fit-tempju.

19U l-kmandant tal-għases ħa wkoll il-kwies, il-kwiener, il-baċili, il-borom, l-
imnajjar, it-tazez u l-kalċijiet, u kulma kien tad-deheb, b'deheb, u kulma kien tal-
fidda, b'fidda.

20U ż-żewġ kolonni, u l-vaska, u t-tnax-il barri tal-bronż li kienu taħtha, u l-
imqagħad li kien għamel is-sultan Salamun għat-tempju tal-Mulej: il-bronż
tagħhom ma kontx tiżnu.

21Iż-żewġ kolonni, imbagħad, kull waħda kienet tmintax-il driegħ għolja, u ħajta
ta' tnax-il driegħ kienet id-dawra tagħhom, u l-ħxuna tagħha kienet ta' erba'
swaba' u vojta minn ġewwa.

22Fuqha kellha kapitell tal-bronż, li kien għoli ħamest idriegħ, u madwar il-
kapitell kien hemm girlanda u rummien madwaru, kollox tal-bronż; u l-istess il-
kolonna l-oħra: kellha girlanda, iddur magħha u mżejna bir-rummien ukoll.

23Ir-rummien kienu sitta u disgħin waħda maqlugħa 'l barra; b'kollox mitt
rummiena madwar il-girlanda.

24Il-kmandant tal-għassiesa ħa wkoll lil Xeraja, il-qassis il-kbir, u lil Sefonija, il-
qassis ta' warajh, u t-tliet għassiesa tal-bieb.

25U mill-belt ħa wieħed uffiċjal, li kien jieħu ħsieb in-nies tal-gwerra; u sebat
irġiel oħra li kienu midħla tas-sultan, li kienu jinsabu l-belt; u s-segretarju tal-
kmandant tal-eżerċtu, li kien idaħħal in-nies tal-pajjiż fl-eżerċtu; u sittin raġel
tal-pajjiż li kienu nstabu f'nofs il-belt.

26Lil dawn ilkoll Nebużardan, il-kmandant tal-għases, ħadhom u ġiebhom għand
is-sultan ta' Babilonja f'Ribla.

27U s-sultan ta' Babilonja darabhom u qatilhom f'Ribla fl-art ta' Ħamat. Hekk
Ġuda ġie tturufnat 'il bogħod minn artu.

28Dan hu l-poplu li eżilja Nabukodonosor: Fis-sena sebgħa, tlitt elef u tlieta u
għoxrin minn nies Ġuda.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

29Fis-sena tmintax, imbagħad, ta’ Nabukodonosor, kienu tturufnati tmien mija u tnejn u tletin ruħ minn Ġerusalemm.

30Fis-sena tlieta u għoxrin ta’ Nabukodonosor, Nebużardan, il-kmandant tal-għases, eżilja seba’ mija u ħamsa u erbgħin minn nies Ġuda, b’kollox erbat elef u sitt mitt ruħ.

31U ġara li fis-sena sebgħa u tletin tal-eżilju ta’ Ġeħojakin, sultan ta’ Ġuda, fit-tnax-il xahar, fil-ħamsa u għoxrin tax-xahar, Evil-merodak, sultan ta’ Babilonja, fis-sena li laħaq sultan, rafa’ ras Ġeħojakin, sultan ta’ Ġuda, u ħarġu mill-ħabs

32U beda jkellmu bil-ħlewwa u qegħedlu t-tron ’il fuq mit-tronijiet tas-slaten l-oħra li kienu miegħu f’Babilonja.

33B’hekk Ġeħojakin sata’ jbiddel ħwejġu li kellu fil-ħabs, u beda jiekol kuljum miegħu tul għomru kollu.

34U l-ikel tiegħu ta’ kuljum kien jingħatalu mingħand is-sultan ta’ Babilonja, is-sehem ta’ kuljum f’jiemu, tul il-jiem kollha ta’ ħajtu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

# Lamentazzjonijiet

## Lamentazzjonijiet 1

### Il-ħerba ta' Ġerusalemm

1Ah! Kif inhi weħidha, il-belt li kienet tiżgħed bin-nies! Saret bħal armla l-kbira fost il-ġnus! Is-sidt fost l-ibliet, il-ħaraġ ikollha tħallas.

2Billejl tibki biki tad-demm, dmugħha jġelben ma' ħaddejha. Lil ħadd m'għandha jfarraġha, minn fost l-egħżeż tagħha; ħbiebha ttradewha, u sarulha għedewwa.

3Tela' Ġuda minħabba l-għaks, u l-jasar iebes, jgħammar fost il-ġnus bla ma jsib mistrieħ. Dawk kollha li ġrew warajh laħquh meta kien fl-hemm.

4It-toroq ta' Sijon jibku, għall-festi ħadd m'għadu jmur. Bibienha kollha ħerba; il-qassisin jitniehdu; ix-xebbiet tagħha mnikkta, u hi mgħargħra fl-imrar.

5Dawk li ħaqruha marru minn fuq, stagħnew l-għedewwa tagħha. Il-Mulej għakkisha minħabba l-kotra ta' dnubietha. It-tfal tagħha marru fl-eżilju, misjuqa mill-għadu tagħhom.

6U għeb minn fuq bint Sijon ġmielha kollu, il-kbarat tagħha saru bħaċ-ċriev, il-mergħa ma sabux; telqu bla saħħa, quddiem is-sewwieq tagħhom.

7Ġerusalemm tiftakar, f'jiem l-hemm u l-imrar tagħha, fil-ġid għażiż li kien tagħha, sa mill-qedem żminijiet, meta l-poplu tagħha waqa' f'idejn l-għadu, u ħadd ma kien hemm biex jgħinha. Rawha l-għedewwa tagħha u ddieħku b'qerditha.

### Dnub Ġerusalemm

8Ġerusalemm dinbet bil-kbir, għalhekk saret ħaġa moqżieża; stmellewha dawk li kienu jfaħħruha, għax raw l-għera tagħha. Hi stess titkarrab, u ddawwar wiċċha 'l hemm.

9It-tingiż ma' djulha, ma ħasbet qatt fi tmiemha. Għalhekk waqgħetha tgħaġġbek, ħadd m'għandha min isalvaha. "Hares, Mulej, lejn il-miżerja tiegħi, għax l-għadu għelibni."

10L-għadu medd idejh għall-ġid kollu l-għażiż tagħha. Rat il-ġnus deħlin fis-santwarju tagħha, li int kont għedt ma jidħlux fih waqt il-ġemgħat tiegħek.

11Il-poplu kollu tagħha jokrob, u jfittex il-ħobż. Jibdlu ġidhom l-għażiż mal-ikel, sabiex jinħjew. "Hares, Mulej, ara sewwa, kif sfajt imkagħbra.

12U intom ilkoll li għaddejjin mit-triq, ħarsu sewwa u araw, jekk hawnx hemm bħal hemmi, li waqa' fuqi; li bih il-Mulej għabbieni fil-jum ta' saħnet għadbu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

13Xeħetli n-nar mill-għoli, nifidli sa ġo għadmi; firex xibka għal riġlejja u ġagħalni
nerġa' lura; u għamel minni ħerba sħiħa, għamilli qalbi sewda, mifnija l-jum
kollu.

14Niseġ madmad minn dnubieti, b'idejh stess baramhom; taqqluli għonqi.
Neħħieli saħħti; irħieni l-Mulej f'idejhom; ma niflaħx inqum.

### L-abbandun ta' Ġerusalemm

15"Iddieħak bil-qalbiena tiegħi, Sidi li kien ġo nofsi; sejjaħ kontrija ġemgħa biex
ifarrak iż-żgħażagħ tiegħi; għaffeġ is-Sid bħalkieku f'magħsar, ix-xebba, bint
Ġuda.

16Għalhekk jien imbikkija, u d-dmugħ iġelben minn għajnejja; għax tbiegħed
minni min isabbarni u jaħjini. Uliedi ħerba għax rebaħ l-għadu."

17Sijon meddet idejha, imma m'hemmx min ifarragħha. Il-Mulej ordna għal
Ġakobb, li l-ġirien tiegħu jdawruh; u saret Ġerusalemm, koċċ qżież ġo nofshom.

18"Ġust hu l-Mulej, għax jien irvellajt kontra kelmtu. Isimgħu, mela, popli lkoll
kemm intom, u araw in-niket tiegħi; ix-xebbiet u ż-żgħażagħ tiegħi fl-eżilju lkoll
marru.

19Il-maħbubin tiegħi sejjaħtilhom, imma huma daħku bija. Il-qassisin u l-anzjani
tiegħi fil-belt intemmu, huma u jfittxu l-ikel, biex jerġgħu jieħdu r-ruħ.

20Ara, Mulej, xi dwejjaq għandi, imbaqbqa ġewwinija, imħawda qalbi ġewwa fija,
għax ma ridt nisma' b'ebda mod. Barra teqred 'l ulied ix-xabla, u ġewwa l-mewt.

21Isimgħuni nitniehed, u ħadd ma jsabbarni. Semgħu l-għedewwa bil-ħsara
tiegħi, u ferħu b'kulma int għamiltli. Ġib il-jiem li int ħabbart, ħalli jiġrilhom
bħali.

22Ha jiġi quddiemek il-ħażen kollu tagħhom, u għamlilhom kif għamilt lili għal
dnubieti kollha, għax l-ilfiq tiegħi kbir, u qalbi nfniet."

## Lamentazzjonijiet 2

### Il-ġudizzju ta' Alla

1Kif saħħab f'għadbu Sidi 'l bint Sijon! Mis-sema waddab mal-art il-ġmiel ta'
Iżrael. U ma ftakarx f'mirfes riġlejh, f'jum il-korla tiegħu.

2Il-Mulej Sidi, mingħajr ebda ħniena, qered l-għamajjar kollha ta' Ġakobb; fil-
korla tiegħu ġarraf il-fortizzi ta' Ġuda. Xeħet mal-art u żeblaħ is-saltna u l-kbarat
tagħha.

3Farrak fis-saħna ta' għadbu, il-qawwa kollha ta' Iżrael; ġibed lura lemintu minn
quddiem l-għadu. U xegħel għal Ġakobb bħan-nar iħeġġeġ u jiekol kulma hemm
madwaru.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

4Ġibed il-qaws tiegħu bħal għadu, medd lemintu bħal avversarju, u qatel kulma jogħġob l-għajn. Fuq l-għarix ta' Sijon, sawwab bħan-nar is-saħna tiegħu.

5Sidi sar qisu l-għadu; bela' lil Iżrael; qered il-palazzi tiegħu, bela' l-fortizzi tiegħu, u kattar lil bint Ġuda il-krib u t-tnehid.

6Harbat bħal ġnien l-għarix tiegħu, ġarraf il-post tal-festi tiegħu. Nessa l-Mulej f'Sijon il-festi u s-sibtijiet. Stmell, fil-qilla ta' għadbu, slaten u qassisin.

7Stkerrah il-Mulej l-artal tiegħu, ċaħad is-santwarju tiegħu. Telaq f'idejn l-għedewwa s-swar u l-palazzi tagħha. F'dar il-Mulej kien hemm għajjat, bħal f'jum ta' festa.

8Il-Mulej għamel ħsieb li jġarraf, is-swar ta' bint Sijon. Medd il-ħabel tal-kejl, u idu ma waqfitx mit-tiġrif. Xeħet il-vistu fuq is-sur u l-ħajt quddiemu, u ġġarrfu t-tnejn f'salt wieħed.

9Bwiebha ntradmu fl-art, kisser u farrak l-iżbarri tagħha. Is-sultan u l-prinċpijiet tagħha mxerrda fost il-ġnus. M'hemmx aktar Liġi, u l-profeti tagħha wkoll, m'għandhomx aktar dehriet mingħand il-Mulej.

10Bilqiegħda fl-art u siekta, ix-xjuħ ta' bint Sijon; it-trab tefgħu fuq rashom, libsu l-ixkejjer; u niżżlu rashom fl-art ix-xebbiet kollha ta' Ġerusalemm.

11Infnew bid-dmugħ għajnejja, u qalbi mħawda; fwiedi mal-art imxerred, għax bint il-poplu tiegħi ħerba waħda; u fil-pjazez tal-belt it-tfal u t-trabi nfnew bla saħħa.

12"Fejn huwa l-ħobż u l-inbid?" Staqsew lil ommijiethom, xħin bħal midruba kienu jinfnew fil-pjazez tal-belt, u ruħhom kienet ħierġa fi ħdan ommhom.

13X'naqbad ngħid għalik? Ma' min inxebbhek, bint Ġerusalemm? Ma' min inqabblek, u kif nista' nfarrġek, xebba, bint Sijon? Għax kbira l-ġerħa daqs il-baħar, Min jista' jfejqek?

### Il-profeti foloz

14Kellhom għalik dehriet ta' qerq u frugħa dawk il-profeti tiegħek, li ma kixfulekx ħżunitek, biex jeħilsuk mill-hemm li waqa' fuqek, imma qalulek biss dehriet giddieba, kollha qerq u tagħwiġ.

15Iċapċpulek idejhom dawk kollha li jgħaddu mit-triq. Isaffrulek u jxejjru rashom għal bint Ġerusalemm u jgħidu: "Din hi l-belt li kienu jgħidulha: 'Kollha ġmiel, għaxqet id-dinja'."

16Fetħulek fommhom l-għedewwa kollha tiegħek. Saffrulek u għażgħżu snienhom, u bdew jgħajtu: "Blajnieha! Dan hu l-jum li konna nistennew; ilħaqnieh u rajnieh!"

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

17Il-Mulej għamel li kien ħaseb, il-kelma tiegħu żammha, li kien lissen sa mill-
qedem: ġarraf bla ma ħenn. Ferraħ lill-għadu tiegħek bik, u għolla l-qawwa tal-
għedewwa.

18Għajjat lill-Mulej Sidi! Bint Sijon tniehed, u xerred lejl u nhar id-dmugħ bħal
xmara. Mingħajr mistrieħ ta' xejn, tħallihomx jieqfu lil għajnejk mill-biki.

19Qum billejl u għajjat xħin is-sahriet ikunu se jibdew; xerred bħall-ilma qalbek
quddiem il-Mulej Sidi; erfa' idejk lejh u itolbu għall-ħajja tat-tfal tiegħek, mifnija
bil-ġuħ f'salib it-toroq.

20"Hares, Mulej, u ara! Lil min għamilt dan? Għandhom in-nisa jieklu 'l uliedhom,
it-trabi tad-dirgħajn? Għandhom jinqatlu fit-tempju ta' Sidi, il-qassis u l-profeta?

21Minxura fl-art fil-pjazez it-tfal u x-xjuħ, ix-xbejbiet u ż-żgħażagħ tiegħi, waqgħu
mejta taħt ix-xabla. Qtilthom f'jum is-saħna tiegħek, Qtilt bla ma ħennejt.

22Int sejjaħt bħal f'jum f'xi festa, il-biża' tiegħi minn kullimkien. U f'jum il-korla
tal-Mulej ma kien hemm ħadd, li ħarab jew ħelisha. 'Il min qandilt u rabbejt,
qeridhom l-għadu tiegħi."

## Lamentazzjonijiet 3

### It-tiġrib tal-profeta u l-poplu

1Jiena l-bniedem li ġarrabt l-hemm taħt ħatar qilltu.

2Lili saqni u mexxieni, fid-dlam bla ebda dawl.

3Kontrija jdawwar u jerġa', il-jum kollu idejh.

4Tertaqli laħmi u ġildi, farrakli għadmi.

5Bena madwari u dawarni bl-imrar u l-hemm.

6Ġagħalni ngħammar fid-dlamijiet, bħall-mejtin minn żmien il-qedem.

7Dawwarni b'ħajt li ma noħroġx; għabbieni bi ktajjen tqal.

8Imqar jekk ngħajjat u nsejjaħ l-għajnuna, it-talba tiegħi joħnoq.

9Imbarrali t-triq b'ġebel minġur, għawwiġli mogħdijieti.

10Ors jissajjali kien għalija, iljun mistoħbi.

11Hariġni mit-triq u qattagħni bċejjeċ, u miżerja għamel minni.

12Ġibed il-qaws tiegħu, u waqqafni b'mira għall-vleġġa.

13Waħħalli fil-kliewi l-vleġeġ ulied il-barżakka tiegħu.

14Sirt daħk il-poplu kollu, l-għanja tagħhom il-jiem kollha.


© 2020 Malta Bible Society.

15Fawwarni bl-imrar, sakkarni bl-assenzju.

16Taħanli biż-żrar snieni, u ġagħalni nitmiegħek fit-trab.

17Ruħi nqatgħet mis-sliem, il-ġid insejtu.

18Jien għedt: "Marret saħħti; hekk ukoll it-tama tiegħi fil-Mulej!"

### It-tama f'Alla

19Il-ħsieb ta' hemmi u inkwieti, assenzju u mrar!

20Tiftakar ruħi u taħseb, u tinfena ġewwa fija.

21Dan jien nhewden f'qalbi, biex b'hekk nittama.

22Il-ħniena tal-Mulej bla tmiem; tjubitu ma tonqos qatt.

23Jiġġeddu kull filgħodu, kbira l-fedeltà tiegħek.

24"Sehmi hu l-Mulej," tgħid ruħi, "għalhekk nittama fih."

25Tajjeb il-Mulej ma' min jistennieh, mar-ruħ li tfittxu.

26Tajjeb min jistenna fis-skiet, is-salvazzjoni tal-Mulej;

27tajjeb għall-bniedem li jerfa' l-madmad sa minn żgħożitu,

28li joqgħod waħdu u sieket, meta jgħabbihulu l-Mulej;

29li qiegħed ħalqu fit-trab, għandu mnejn jifdal xi tama;

30li jagħti ħaddejh lil min isawtu, li jimtela biż-żebliħ.

31Għax ma jarmix għal dejjem, lill-bniedem il-Mulej.

32Għaliex jekk hu jgħakkes iħenn skont il-kotra ta' tjubitu;

33għax mhux minn qalbu jgħakkes, jew iweġġa' qalb il-bniedem.

34Li xi ħadd jisħaq taħt riġlejh l-ilsiera kollha tal-art;

35li tgħawweġ id-dritt ta' bniedem quddiem wiċċ l-Għoli;

36li tqarraq bi bniedem fil-kawża tiegħu, dan il-Mulej ma japprovahx.

37Min qatt tkellem u seħħet kelmtu, kieku Sidi ma ordnahiex?

38Mhux minn fomm l-Għoli, joħroġ id-deni u l-ġid?

39Għala l-bniedem ħaj igerger, għall-kastig ta' dnubu?

### Nersqu lejn Alla

40Ngħarblu triqatna u nifluhom, u nerġgħu lura għand il-Mulej.

41Ħa ngħollu qlubna u idejna, lejn Alla fis-smewwiet.


© 2020 Malta Bible Society.

42Aħna dnibna u rvellajna, u int ma ħfirtilniex.

43Int tlibbist bl-għadab, u ġrejt warajna. Qtiltna bla ma ħennejt.

44Instart fi sħaba, biex it-talb ma jaqbiżhiex.

45Int għamiltna ż-żibel, l-iskart tal-ġnus.

46Halqhom fetħu għalina, l-għedewwa tagħna lkoll.

47Biża' u ħofra kien hemm għalina, qerda u tkissir.

48Gliegel ta' dmugħ ċarċru minn għajnejja għat-tifrik ta' bint il-poplu tiegħi.

49Għajni ddemma' bla ma tehda, ma tridx tistrieħ,

50qabel ma jixref il-Mulej mis-sema u jara.

51Għajnejja jweġġgħuli qalbi, minħabba x-xorti ta' bniet belti.

52Nasbuli bħal għasfur l-għedewwa tiegħi għal xejn.

53Xeħtuni ħaj ġol-bir, u waddbu l-ħaġar fuqi.

54L-ilmijiet laħqu 'l fuq minn rasi, u għedt: "Jien spiċċajt."

### Għajta għall-vendetta

55Jien sejjaħt ismek, Mulej, minn qiegħ il-bir.

56Int smajt leħni: "La ssoddx widnejk għall-għajta tiegħi għall-għajnuna."

57Meta jien sejjaħtlek, int qrobt lejja, u għedtli: "La tibżax."

58Int ħadt il-kawża tiegħi, u fdejtli 'l ħajti.

59Int rajt id-deni li ġarrabt, Mulej; għamel ħaqq miegħi.

60Rajt int il-vendikazzjoni tagħhom, ta' dawk li jmorru kontrija.

61Int smajt biż-żebliħ tagħhom, u bit-tnassis tagħhom kontrija.

62Xufftejn dawk li qamu għalija u ħsibijiethom, il-jum kollu mhumiex ħlief kontrija.

63Arahom, meta joqogħdu jew iqumu, jien l-għanja tagħhom.

64Agħtihom li ħaqqhom Mulej, skont għemil idejhom.

65Webbsilhom qalbhom, ixħet is-saħta tiegħek fuqhom.

66Agħmel għal warajhom fl-għadab tiegħek, eqridhom minn taħt is-sema, O Mulej!"

## Lamentazzjonijiet 4


© 2020 Malta Bible Society.

### Il-ġuħ ta' Ġerusalemm

1Kif ittappan id-deheb, kif tbiddel id-deheb fin! Il-ġebel jinsab imxerred f'ras kull
triq.

2Ulied Sijon għeżież, mitqilhom deheb jiswew! Kif saru issa qishom biċċa xaqquf,
xogħol id il-fuħħar!

3Imqar ix-xakalli jagħtu sidirhom, u jreddgħu l-frieħ tagħhom. Bint il-poplu
tiegħi kiefra bħan-ngħama fid-deżert.

4Ilsien it-tarbija tal-ħalib, weħel mas-saqaf ta' ħalqha, minħabba l-għatx; it-tfal
jittallbu l-ikel, imma ma jagħtihom ħadd.

5Dawk li kienu jieklu t-tajjeb, issa bil-ġuħ fit-toroq; dawk li kienu mrobbija fil-
porpra, issa jitmiegħku fiż-żibel.

6Id-dnub ta' bint il-poplu tiegħi akbar mill-ħtija ta' Sodoma, li nqalbet f'waqt
wieħed, bla ma ħadd meddilha jdejh.

7Jiddu aktar mis-silġ kienu prinċpijietha, bojod aktar mill-ħalib; ġisimhom
aħmar aktar mill-qroll, persunithom bħas-saffir.

8Imma issa wiċċhom iswed aktar mid-dlam, ma jingħarafx fit-toroq; ġildithom
weħlet ma' għadamhom, ibbieset daqs l-għewied.

9Ħabtuha aħjar il-maqtulin bix-xabla minn dawk li nqerdu bil-ġuħ, li ntemmu
bil-mod, bħalkieku midrubin, minħabba n-nuqqas ta' wċuħ l-art.

10In-nisa, minkejja li ħanina, sajru 'l uliedhom b'idejhom stess, saru ikilhom,
dakinhar li tkissret bint il-poplu tiegħi.

11Il-Mulej temm il-qilla tiegħu, sawwab saħnet il-korla tiegħu; u kebbes in-nar
f'Sijon, u qerdilha s-sisien tagħha.

12Qatt ma emmnu slaten id-dinja, u dawk li jgħammru fl-art, li qatt jidħol
gwerrier jew għadu minn bwieb Ġerusalemm.

### Il-profeti foloz

13Minħabba ħtijiet il-profeti tagħha, u dnubiet il-qassisin tagħha, li xerrdu fiha
d-demm tal-ġusti.

14Kienu jixxenglu bħal għomja fit-toroq, u mċappsa kollha demm, u lbieshom
ħadd ma sata' jmiss.

15"Warrbu! Ja mniġġsin!" kienu jgħidulhom; "Warrbu! Warrbu! La tmissuhomx!"
Għad jaħarbu u jiġġerrew fost il-ġnus, imma n-nies jgħidu: "Imkien ma jibqgħu."

16Il-Mulej stess xerridhom, aktar lejhom ma jħarisx; ma kienx hemm ġieħ għall-
qassisin, lanqas ħniena għax-xjuħ.

### L-aħħar jiem tan-nazzjon

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

17Għajnejna nfnew, kemm se ndumu nħarsu għalxejn għall-għajnuna. Mill-
għases tagħna għarrixna għall-poplu li ma jistax jgħinna.

18Iqisulna l-passi tagħna, li ma nistgħux nimxu fi triqatna. Qorob tmiemna,
magħduda jiemna, għax wasal tmiemna.

19Ġrew warajna eħfef mill-ajkli tas-smewwiet. Ġrew warajna qalb il-muntanji,
issajjawlna fid-deżert.

20In-nifs ta' mnifsejna, il-midluk tal-Mulej, inqabad fil-ħofor tagħhom. Taħt id-
dell tiegħu ngħidu: "Nistgħu ngħixu fost il-ġnus."

21Ifraħ u thenna, bint Edom, int li tgħammar f'art Għus. Imma għalik ukoll għad
jgħaddi l-kalċi, għad tisker u titgħarwen.

22Intemm dnubek, Bint Sijon, ma jżommokx iżjed fl-eżilju. Imma dnubek, bint
Edom, jikkastigah; dnubietek għad jikxifhomlok.

## Lamentazzjonijiet 5

### Talba għall-ħniena

1Ftakar, Mulej, xi ġralna! Ħares u ara l-għajb tagħna!

2Wirtna għadda għand l-istranġieri; djarna għand il-barranin.

3Sfajna ltiema bla missier, ommijietna sfaw bħar-romol.

4Ilmitna bil-flus nixorbu.

5Bil-madmad f'għonqna jsuquna, il-ħatab tagħna bil-flus jiġina, infnejna u
mistrieħ m'għandniex.

6Lejn l-Eġittu middejna jdejna, u lejn l-Assirja biex bil-ħobż nixbgħu.

7Dinbu missirijietna u ntemmu lkoll, u tgħabbejna aħna bi ħżunithom.

8Ilsiera jaħkmu fuqna, min jeħlisna m'għandna 'l ħadd.

9Nissugraw ħajjitna biex niksbu ħobżna, minħabba x-xabla fid-deżert.

10Ġildna jikwi bħal forn, minħabba l-ħruq tal-ġuħ.

11Kasbrulna n-nisa f'Sijon, ix-xebbiet tagħna fi bliet Ġuda.

12Il-prinċpijiet għallquhom b'idejhom, u wiċċ ix-xjuħ ma tawhx il-ġieħ.

13Iż-żgħażagħ tgħabbew bil-mitħna; it-tfal jogħtru taħt il-ħatab.

14Ix-xjuħ ħallew bieb il-belt; iż-żgħażagħ daqq il-korda.

15Il-ferħ ta' qalbna ntemm; iż-żfin tagħna f'vistu nbidel.


© 2020 Malta Bible Society.

16Il-kuruna fuq rasna waqgħet; jaħasra għalina għax dnibna!

17Għalhekk imradna b'qalbna, u għajnejna ddallmu.

18Għax l-għolja ta' Sijon ħerba, ix-xakalli jiġġerrew fiha.

19Imma int, Mulej, tibqa' għal dejjem, it-tron tiegħek minn żmien għal żmien.

20Għaliex sa tinsiena għal dejjem, tabbandunana għal dan it-tul ta' żmien?

21Reġġagħna, Mulej, lejk, u nerġgħu lura, ġeddilna jiemna bħal dari.

22Jaqaw irmejtna għalkollox? Mhux biżżejjed għadabt għalina?

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

# Eżekjel

## Eżekjel 1

1Ġara li fis-sena tletin, fir-raba' xahar, fil-ħamsa tax-xahar, kif kont fost l-itturufnati ħdejn ix-xmara Kebar, infetħu s-smewwiet u rajt viżjonijiet ta' Alla.

### Il-viżjoni tal-glorja ta' Alla

2Fil-ħamsa tax-xahar, meta s-sultan Ġeħojakin kien ilu ħames snin itturufnat,

3il-kelma tal-Mulej ġiet lil Eżekjel, bin il-qassis Bużi, fl-art tal-Kaldin ħdejn ix-xmara Kebar; kien hemm li ġiet fuqu id il-Mulej.

4Kont qiegħed inħares, u f'daqqa waħda ħassejt riefnu ġej min-naħa tat-Tramuntana, u rajt sħaba kbira, imdawra bid-dija, u nar ileħħ il-ħin kollu minnha, u ġon-nar bħal bronż ileqq.

5F'nofsha kien hemm xbieha ta' erba' ħlejjaq ħajjin, li mid-dehra tagħhom kellhom is-sura ta' bniedem.

6Kellhom erba' wċuħ kull wieħed, u erba' ġwienaħ kull wieħed.

7Riġlejhom riġlejn wieqfa, u qiegħ riġlejhom bħal qiegħ riġel ta' għoġol, u kienu jiddu bħal bronż ileqq.

8Kellhom sura ta' id ta' bniedem taħt ġwenħajhom, u l-erba' wċuħ tagħhom kienu jħarsu lejn l-erba' naħat.

9Ġwenħajhom kienu jmissu wieħed mal-ieħor, u ma kinux idawru wiċċhom huma u jimxu, imma kull wieħed minnhom kien jimxi dritt 'il quddiem.

10U x-xbieha ta' wiċċhom kienet wiċċ ta' bniedem minn quddiem, u wiċċ ta' ljun fuq il-lemin tagħhom l-erbgħa, u wiċċ ta' għoġol fuq ix-xellug tagħhom l-erbgħa, u wiċċ ta' ajkla fuq wara.

11Ġwenħajhom kienu miftuħin 'il fuq; żewġ ġwienaħ kienu jmissu wieħed mal-ieħor, u żewġ ġwienaħ kienu jgħattu 'l ġisimhom;

12u kollha kienu jimxu dritt 'il quddiem, u kienu jmorru fejn kien imexxihom l-ispirtu, u ma kinux iduru lura huma u miexja.

13U f'nofs l-erba' ħlejjaq ħajjin kien hemm bħal ġamar ta' nar jaqbad, bħal torċi jiġġerrew qalb il-ħlejjaq ħajjin; in-nar kien jiddi, u minn ġon-nar kien ileħħ il-beraq,

14u l-ħlejjaq ħajjin kienu jżiġġu 'l hawn u 'l hemm bħall-beraq.

### Il-viżjoni tal-erba' roti

15U ħarist lejn dawk il-ħlejjaq ħajjin, u nara rota ħdejhom fl-art, waħda ħdejn kull wieħed minnhom l-erbgħa.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[16]U d-dehra tar-roti u l-għamla tagħhom kienu donnhom ħaġar ta’ Tarsis, kellhom għamla waħda, l-erbgħa li kienu, maħduma qishom imsallbin waħda ġo oħra.

[17]U kienu jistgħu jimxu fuq l-erba’ naħat tagħhom, bla ma jilwu huma u miexja.

[18]U ħarist u rajt li kellhom iċ-ċrieki, u dawn iċ-ċrieki kienu mimlija għajnejn madwarhom l-erbgħa.

[19]U meta l-ħlejjaq ħajjin kienu jimxu, ir-roti kienu jimxu magħhom; meta l-ħlejjaq ħajjin kienu jintrefgħu mill-art, kienu jintrefgħu wkoll ir-roti magħhom.

[20]U kull fejn l-ispirtu kien jeħodhom kienu jimxu, u r-roti kienu jintrefgħu flimkien magħhom, għax fihom kien hemm ukoll l-ispirtu tal-ħlejjaq ħajjin.

[21]Kull meta dawn kienu jimxu, kienu jimxu r-roti wkoll; u meta kienu jieqfu, kienu jieqfu; u kull meta l-ħlejjaq kienu jintrefgħu mill-art, kienu jintrefgħu r-roti wkoll magħhom, għax l-ispirtu tal-ħlejjaq ħajjin kien fir-roti wkoll.

[22]U fuq ras il-ħlejjaq ħajjin kien hemm bħal tisqifa ċara bħall-kristall mifruxa ’l fuq minn rashom.

[23]Taħt din it-tisqifa ġwenħajhom kienu miftuħin wieħed lejn l-ieħor, u kull wieħed minnhom kellu żewġ ġwienaħ oħra jgħattulu ġismu.

[24]U smajt il-ħoss ta’ ġwenħajhom bħall-ħoss ta’ ilma kotran, donnu l-leħen ta’ Alla li jista’ kollox; huma u mexjin kienu jagħmlu ħsejjes li jtarrxu, qisu l-ħoss ta’ eżerċtu, u meta jieqfu kienu jniżżlu ġwenħajhom.

[25]Instema’ ħoss mill-għoli tas-sema mifrux fuq rashom; u meta huma waqfu niżżlu ġwenħajhom.

[26]Fl-għoli tas-sema, mifrux fuq rashom, kien hemm bħal żaffir f’għamla ta’ tron, u fuq din l-għamla ta’ tron kien jidher bħal bniedem bilqiegħda fuqu fl-għoli.

[27]U rajt bħal bronż ileqq donnu nar li kien jagħlqu minn kullimkien, qisu minn ġenbejh ’il fuq; u rajt bħal nar qisu minn ġenbejh ’l isfel u dija madwaru kollu, bħal qawsalla fis-sħab meta tagħmel ix-xita; hekk kont tistħajjilha d-dija ta’ madwaru.

[28a]Hekk dehritli x-xbieha tal-glorja tal-Mulej, u malli rajtha nxteħett wiċċi fl-art.

### Is-sejħa tal-Profeta

[28b]U smajt il-leħen ta’ wieħed jitkellem u jgħidli:

## Eżekjel 2

[1]“O bniedem, qum fuq riġlejk, ħa nkellmek.”

[2]U daħal fija l-ispirtu u waqqafni fuq riġlejja; u smajt x’kien qiegħed jgħidli.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

3“O bniedem,” qalli, “qiegħed nibagħtek għand ulied Iżrael, ġens ta’ nies rashom
iebsa, li rvellaw kontra tiegħi; dinbu kontra tiegħi, huma u missirijiethom sal-
lum stess.

4Huma nies wiċċhom sfiq u qalbhom iebsa; se nibagħtek għandhom, biex
tgħidilhom: ‘Dan jgħid Sidi l-Mulej’,

5jisimgħu u ma jisimgħux - nies ta’ ras iebsa huma - ħa jkunu jafu li hemm profeta
f’nofshom.

6“Imma int, o bniedem, la tibżax minnhom u la tibżax minn kliemhom: se ssib
ruħek qalb l-għollieq u x-xewk u timxi fuq l-iskorpjuni. Titbeżżax minn
kliemhom u titwerwirx minn wiċċhom, għax ilkoll razza xewwiexa.

7Tgħidilhom kliemi, jisimgħu u ma jisimgħux. Għax huma nies ta’ rashom iebsa.”

### Il-Profeta ordnat jiekol il-ktieb

8Dan jgħid il-Mulej: “Imma int, o bniedem, isma’ xi ngħidlek jien; tkunx rasek
iebsa bħal dawn in-nies ta’ rashom iebsa; iftaħ ħalqek u kul dak li se nagħtik.”

9Jien ħarist u rajt id riesqa lejja, u ara, f’dik l-id kien hemm ktieb imkebbeb.

10Fetħu quddiemi, u rajt li kien miktub minn quddiem u minn wara; kien hemm
miktub fih tnehid u biki u ħsara.

## Eżekjel 3

1U qalli: “O bniedem, kul dak kollu li ssib; kul dan il-ktieb, u mbagħad mur u
kellem lil dar Iżrael.”

2Jien ftaħt ħalqi, u hu temmagħni dak il-ktieb.

3U qalli: “O bniedem, ħa jibilgħu l-istonku tiegħek, u jimtela l-ġewwieni tiegħek
b’dan il-ktieb li qiegħed nagħtik.” Jien kiltu, u f’ħalqi ħassejtu ħelu għasel.

### Il-Profeta ordnat ikellem lill-poplu

4U qalli: “O bniedem, aqbad u mur għand dar Iżrael, u wasslilhom dan il-kliem
tiegħi.

5M’iniex nibagħtek għand poplu li kliemu ma jinftihemx u lsienu tqil; imma qed
nibagħtek għand dar Iżrael.

6Mhux għand ġnus kbar li kliemhom ma jinftihemx u lsienhom tqil, tant li ma
tifhmux; kieku bgħattek għandhom, kienu jisimgħuk.

7Imma d-dar ta’ Iżrael ma tridx tisma’ minnek, għax ma tridx tisma’ minni. Id-
dar kollha ta’ Iżrael huma rashom iebsa u qalbhom xierfa.

8Imma ara, jien nagħmlek wiċċek sfiq bħalhom, rasek iebsa daqs tagħhom,

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

9u nagħmillek fehemtek aktar iebsa mid-djamant, aktar iebsa miż-żnied. La tibżax minnhom u la titwerwirx quddiemhom għax mhumiex ħlief qabda xewwiexa."

10U qalli: "O bniedem, daħħal f'moħħok kulma ngħidlek, isimgħu sewwa,

11u mur għand ulied il-poplu tiegħek itturufnati, u kellimhom. Għidilhom: 'Dan jgħid il-Mulej', iridu jew ma jridux jisimgħu."

### Iż-żjara lill-itturufnati

12Imbagħad l-ispirtu ħadni minn hemm, u warajja smajt ħoss ta' theżżiża qawwija, filwaqt li l-glorja tal-Mulej intrefgħet minn postha.

13Dan il-ħoss kien tal-ġwienaħ tal-ħlejjaq ħajjin, iħabbtu wieħed mal-ieħor, u ż-żaqżiq tar-roti fl-istess ħin magħhom, ħoss ta' għagħa kbira.

14L-ispirtu refagħni u ħadni minn hemm. Tlaqt minn hemm bl-imrar f'qalbi, għax kont imqanqal sewwa f'ruħi.

15Id il-Mulej ħassejtha tqila fuqi. Wasalt Tel-abib fost l-itturufnati li kienu jgħammru hemm fuq ix-xatt tax-xmara Kebar, fejn kienu joqogħdu. U qgħadt hemm miblugħ f'nofshom għal sebat ijiem.

### Il-Profeta għassies fuq Iżrael

16Fi tmiem is-sebat ijiem waslitli l-kelma tal-Mulej u qaltli:

17"O bniedem, jiena qegħedtlek għassies fuq dar Iżrael: kull meta tisma' kelma minn fommi, inti għandek twiddibhom f'ismi.

18Meta jiena ngħid lil xi bniedem ħażin: 'Int tmut żgur', jekk inti ma twiddibx il-ħażin u ma tgħidlux biex jerġa' lura minn triqtu l-ħażina ħalli huwa jgħix, il-ħażin imut minħabba l-ħażen tiegħu, imma jiena minn idejk infittex demmu.

19Imma jekk inti twiddeb lill-ħażin, u dan ma jerġax lura mid-dnub tiegħu u minn triqtu l-ħażina, huwa jmut minħabba ħżunitu, imma int tkun salvajt ħajtek.

20"Jekk il-ġust iwarrab minn qdusitu u jagħmel il-ħażen, u jiena nfixklu, huwa jmut; billi inti ma tkunx widdibtu, huwa jmut minħabba l-ħtija tiegħu, u jien ma niftakarlux l-għemil tajjeb tiegħu; imma jien minn idejk infittex demmu.

21Imma jekk inti twiddeb lill-ġust biex ma jidnibx, u hu ma jidnibx, huwa jgħix għax inti tkun widdibtu, u int tkun salvajt ħajtek."

### Il-Profeta mbikkem

22U kienet hemm id il-Mulej fuqi u qalli: "Qum u mur lejn il-wita u nkellmek hemm."

23U jien qomt u ħriġt lejn il-wita u, ara, kien hemm wieqfa l-glorja tal-Mulej, bħall-glorja li kont rajt ħdejn ix-xmara Kebar, u waqajt wiċċi fl-art.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

24U daħal fija l-ispirtu u waqqafni fuq riġlejja, kellimni u qalli: "Mur ingħalaq ġo
darek.

25Ara, o bniedem, se jixħtu fuqek il-ħbula tagħhom u jorbtuk bihom, u ma tkunx
tista' toħroġ f'nofshom.

26U nwaħħallek ilsienek ma' saqaf ħalqek, u titbikkem, u ma tkellimhomx ta'
bniedem li jċanfarhom, għax huma razza ta' nies rashom iebsa.

27Imma meta nkellmek, iftaħ fommok u kellimhom u għidilhom: 'Dan jgħid Sidi
l-Mulej: Jisma' min irid, u min ma jridx ma jismax, għax huma nies ta' razza
rashom iebsa."

# Eżekjel 4

### L-assedju ta' Ġerusalemm

1"U int, o bniedem, ħu maduma, qegħedha quddiemek u ħażżeż fuqha l-belt ta'
Ġerusalemm.

2Imbagħad assedjaha, ibni ħajt madwarha, tella' rampa magħha, u qassam il-
kamp kontriha, u waqqaf dawramejt magħha l-magni għall-ħatt tas-swar.

3Ħu taġen tal-ħadid, u qiegħdu bħallikieku ħajt tal-ħadid bejnek u bejn il-belt, u
dawwar wiċċek lejha: tkun hi l-assedjata u int li tassedjaha. "Dan hu sinjal għal
dar Iżrael.

4"U int imtedd fuq ġenbek tax-xellug, u jien inqiegħed fuqek il-ħażen ta' Iżrael.
Int titgħabba bil-ħażen tagħhom daqs l-għadd tal-jiem li ddum mimdud.

5U jiena nagħmillek l-għadd tal-jiem tliet mija u disgħin, daqs kemm jgħoddu s-
snin tal-ħażen tagħhom; għal daqshekk żmien int titgħabba bil-ħażen ta' dar
Iżrael.

6Meta jintemmu dawn, int timtedd għat-tieni darba fuq il-ġenb tal-lemin u
titgħabba bil-ħażen ta' dar Ġuda erbgħin jum, jum għal kull sena.

7"Imbagħad dawwar wiċċek lejn l-assedju ta' Ġerusalemm u bi driegħek
mikxuf ħabbar kontriha.

8U, arani, jien norbtok bil-ħbula, u ma tkunx tista' ddur minn ġenb għall-ieħor,
sakemm ma tkunx temmejt il-jiem tal-assedju tiegħek.

### Il-kastig tal-ġuħ

9"Imbagħad ħu qamħ u xgħir, ful u għads, millieġ u spelta, ixħethom ġo magħġna,
u agħġen minnhom il-ħobż għalik. U tiekol minnu tul il-jiem li int iddum mimdud
fuq ġenbejk, jiġifieri tliet mija u disgħin jum.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

10L-ikel li tiekol ikun bl-użin ta' għoxrin xekel kull jum; u tiekol minnu darba kull
erbgħa u għoxrin siegħa.

11Tixrob l-ilma bil-qjies ukoll: waħda minn sitta ta' ħin, darba kull erbgħa u
għoxrin siegħa.

12U int tikolha bħal ftira tax-xgħir, moħmija quddiemhom bil-ħmieġ ta'
bniedem."

13"Hekk, jgħid il-Mulej, ħobżhom maħmuġ għad jieklu wlied Iżrael fost il-ġnus
fejn jien se nsuqhom."

14U jien għedt: "Ah! Sidi Mulej! Qatt ma tniġġist; sa minn żgħoriti, qatt sal-lum
ma kilt minn bhima mejta, jew żbranata, u qatt ma daħal f'ħalqi laħam imniġġes."

15U qalli: "Ara, se nagħtik il-ħmieġ tal-baqar flok ħmieġ il-bniedem biex taħbeż
il-ħobż tiegħek bih."

16U ssokta jgħidli: "O bniedem: Arani, se naqta' l-provvista tal-ħobż minn
Ġerusalemm u b'qalbhom ittaqtaq u mriegħda jiżnu l-ħobż li jieklu u jkejlu l-ilma
li jixorbu.

17Hekk, neqsin mill-ħobż u l-ilma, jibqgħu skantati l-wieħed u l-ieħor sakemm
jinfnew bi ħżunithom."

## Eżekjel 5

### Is-simbolu tal-waqgħa u l-ħerba ta' Ġerusalemm

1"U Int, o bniedem, aqbad sejf misnun, ħudu u għaddih bħal mus tal-leħja fuq
rasek u lħitek; imbagħad ħu miżien u qassam ix-xagħar.

2Meta jgħaddu jiem l-assedju, aħraq terz minnu f'nofs il-belt; ħu terz ieħor u
qattgħu bis-sejf madwar il-belt, u l-aħħar terz tajru mar-riħ, u jien nislet ix-xabla
għal warajhom.

3Minn dan, imbagħad, ħu ftit bil-għadd u sorrhom f'tarf mantarek;

4u erġa' ħu ftit minn dan u itfgħu fin-nar u aħarqu fih; u 'l dar Iżrael għidilhom
ilkoll kemm huma:

5'Dan jgħid Sidi l-Mulej: Din hi Ġerusalemm, li jien qegħedt f'nofs il-ġnus
b'artijiethom ta' madwarha.

6Imma hi rvellat b'ħażen kontra l-ordnijiet tiegħi aktar mill-ġnus, u kontra l-
liġijiet tiegħi aktar mill-artijiet ta' madwarha. Stmerrew l-ordnijiet tiegħi u ma
mxewx skont il-liġijiet tiegħi.'


© 2020 Malta Bible Society.

[7]Għalhekk dan jgħid Sidi l-Mulej: 'Billi intom irvellajtu kontrija aktar mill-ġnus kollha ta' madwarkom u ma għamiltux l-ordnijiet tiegħi u lanqas ħaristu l-liġijiet tiegħi imma għamiltu skont id-drawwiet ta' dawn il-ġnus ta' madwarkom,

[8]għalhekk dan jgħid Sidi l-Mulej: 'Arani, jiena wkoll kontrik u nagħmel ħaqq minnek f'nofsok quddiem għajnejn il-ġnus.

[9]U minħabba l-kotra ta' qżiżijietek, se nagħmel ħwejjeġ fik li qatt għadni ma għamilt bħalhom u lanqas għad nagħmel.

[10]Għalhekk f'nofsok ikun hemm missirijiet li jieklu 'l uliedhom, u ulied li jieklu 'l missirijiethom. Intemm fik il-vendetta tiegħi u nxerred mal-erbat irjieħ 'il min jibqa' minnek.

[11]Għalhekk, daqs kemm jien ħaj, oraklu ta' Sidi l-Mulej, talli int niġġist is-santwarju tiegħi bil-kruhat u l-qżiżijiet tiegħek kollha, jien ukoll inqaċċtek, u għajnejja ma jitħassrukx u lanqas jien ma nħenn għalik.

[12]Terz minnkom imutu bil-pesta u jinfnew bil-ġuħ f'nofsok; terz ieħor jaqgħu bix-xabla fl-inħawi ta' madwarek, u terz ieħor inxerridhom ma' kull riħ, u x-xabla nislet għal warajhom.

[13]U hekk niżfoga l-korla tiegħi u nserraħ il-qilla tiegħi fuqhom, ħa jkunu jafu li jien, il-Mulej, tkellimt, imqanqal bl-għira tiegħi meta nkun serraħt il-qilla tiegħi fuqhom.

[14]Nagħmel minnek ħerba u għajb fost il-ġnus ta' madwarek taħt il-ħars ta' kull min jgħaddi minn hemm.

[15]Inti ssir għajb u saħta, twiddiba u biża', għall-ġnus ta' madwarek, meta jiena nkun temmejt fik il-vendetta tiegħi fil-qilla tas-saħna tiegħi bl-eħrex kastigi. Jien, il-Mulej, tkellimt.

[16]Jien invenven fuqkom il-vleġeġ tal-ġuħ u l-qerda, li jien inwaddab fuqkom biex neqridkom u nżidilkom il-ġuħ u nkissrilkom l-appoġġ tal-ikel.

[17]Inkeskes kontrikom il-ġuħ u l-bhejjem selvaġġi, u jneżżgħuk minn uliedek; il-pesta u d-demm jgħaddu minn nofsok u jien ngħaddi x-xabla minn fuqek. Jiena l-Mulej tkellimt."

## Eżekjel 6

### Il-qerda tas-santwarji tal-idoli

[1]U ġietni l-kelma tal-Mulej u qalli:

[2]"O bniedem, dawwar wiċċek lejn il-muntanji ta' Iżrael, ħabbar kontrihom


© 2020 Malta Bible Society.

3u għidilhom: 'Isimgħu, muntanji ta' Iżrael, il-kelma ta' Sidi l-Mulej: Dan jgħid Sidi l-Mulej lill-muntanji u l-għoljiet, lill-irdumijiet u l-widien: Arawni, sa nġib fuqkom ix-xabla u neqred is-santwarji fuq l-għoljiet tagħkom.

4Herba jsiru l-artali tagħkom u jitfarrku l-artali tal-inċens tagħkom, u nonxor fl-art il-maqtulin tagħkom quddiem l-idoli tagħkom

5u nixħet il-katavri tal-poplu ta' Iżrael quddiem l-idoli tagħhom, u għadamhom inxerrdu madwar l-artali tagħkom.

6Kull fejn tgħammru l-ibliet isiru ħerba, u s-santwarji tal-għoljiet jinqerdu, biex issir ħerba u qerda mill-artali tagħkom, u jitfarrku u jgħibu l-idoli tagħkom, u jitkissru l-artali tal-inċens tagħkom, u jinqerdu l-opri tagħkom.

7Il-mejtin jintaxru fl-art f'nofskom: Hekk tkunu tafu li jien il-Mulej!

### Jifdal xi ħadd

8"Minkejja dan kollu jien inħalli lil xi wħud minnkom ħajjin; dawn jiskansaw mix-xabla, u jaħarbu qalb il-ġnus u nxerridkom f'artijiethom.

9Imbagħad il-fdal tagħkom jiftakru fija fost il-ġnus fejn ikunu itturufnati, meta nkun kissirtilhom il-qalb żienja tagħhom, li tbiegħdet minni, u nagħmi lil għajnejhom li żnew mal-allat tagħhom: jiddardru bihom infushom minħabba l-ħażen li jkunu għamlu bil-qżiżijiet tagħhom kollha.

10U jkunu jafu li jien il-Mulej, u li ma heddidtx għal xejn li nagħmlilhom din il-ħsara."

### Jagħrfu l-Mulej f'jum il-Ġudizzju

11Dan jgħid Sidi l-Mulej: "ċapċap idejk, u ħabbat riġlejk u għid: Ah! Minħabba qżiżijiethom u ħżunijiethom għad jaqgħu n-nies ta' dar Iżrael bix-xabla, bil-pesta, u bil-ġuħ!

12Bil-pesta għad jaqa' min hu fil-bogħod; u bix-xabla min hu fil-qrib, u min jibqa' u jeħles imut bil-ġuħ. Hekk intemm qillti fuqhom.

13U tkunu tafu li jien il-Mulej, meta l-maqtulin tagħhom ikunu minxura fl-art f'nofs allathom, madwar l-artali tagħhom, fuq kull ħotba għolja, fuq il-qċaċet tal-muntanji, u taħt kull siġra ħadra, taħt kull balluta folta, hemm kull fejn kienu joffru inċens ifuħ lil allathom.

14Immidd idi fuqhom u neqred u nagħmel ħerba mill-pajjiż, mid-deżert sa Ribla, kull fejn jgħammru, ħa jkunu jafu li jien il-Mulej."

## Eżekjel 7

### Wasal it-tmiem

1U ġietni l-kelma tal-Mulej u qalli:

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

2“Int, o bniedem, dan jgħid Sidi l-Mulej lill-art ta’ Iżrael: ‘Wasal it-tmiem! Wasal it-tmiem għall-erbat itruf tal-pajjiż!

3Issa li wasal tmiemek, jien nibgħat fuqek qillti, u nagħmel ħaqq minnek skont imġibtek u nwaddab fuqek qżiżijietek kollha.

4Għajnejja ma jitħassrukx; jien ma nħennx għalik! Għax inwaddab imġibtek fuqek, u jinkixfu f’nofsok qżiżijietek, ħalli tkunu tafu li jien il-Mulej!

5Dan jgħid Sidi l-Mulej: Ħsara, ħsara fuq ħsara, waslet!

6Wasal it-tmiem! Wasal it-tmiem! Wasal għalik! Arah wasal!

7Wasal iż-żmien għalik, għalik li tgħammar fil-pajjiż! Is-siegħa tiegħek waslet, qorob il-Jum, Jum ta’ għagħa, u mhux ta’ festi fuq l-għoljiet!

8Issa dalwaqt inferragħ qillti fuqek; għadbi nserraħ fik; nagħmel ħaqq minnek skont imġibtek, u nwaddab qżiżijietek kollha fuqek.

9Għajnejja ma jitħassrukx; u jiena ma nħennx għalik! Inħallsek skont imġibtek, u jinkixfu f’nofsok qżiżijietek, ħalli tkunu tafu li jien il-Mulej li nsawwat.

10Hawn hu l-Jum. Arah, wasal! Waslet sigħetek! Warrdet l-inġustizzja, irmiet is-suppervja.

11Il-vjolenza kibret u saret ħatar f’id il-ħażin. Hadd minnhom ma jifdal, la l-għana tagħhom, la ġidhom, la ġieħhom ma jibqa’ fihom!

12Waslet is-siegħa, qorob il-Jum! Ix-xerrej ma jifraħx; il-bejjiegħ ma jsewwidx qalbu, għax l-għadab imdendel fuq il-kotra kollha!

13Il-bejjiegħ ma jerġax għal dak li jkun biegħ, anki jekk stess jibqa’ fost il-ħajjin. Il-korla kontra l-kotra kollha ma terġax lura; u minħabba ħżunitu ħadd ma jsalva ħajtu.

### Il-ħsara tal-poplu

14“Daqqew it-tromba, tħejja kollox, imma ħadd ma jmur għall-gwerra. Għax l-għadab tiegħi fuq il-poplu kollu.

15Ix-xabla barra t-triq, u l-pesta u l-ġuħ ġewwa d-dar. Min hu fir-raba’ jmut bix-xabla, u min hu fil-belt jikkunsmawh il-ġuħ u l-pesta.

16U jekk jaħirbu xi wħud minnhom, imorru fuq il-muntanji, ilkoll bħall-ħamiem jokorbu, kulħadd wieħed għal dnubu.

17Jintelqu d-dirgħajn kollha, u l-irkupptejn kollha jnixxu l-ilma.

18U jitħażżmu bix-xkejjer, u jiksihom il-biża’; il-mistħija fuq kull wiċċ, u rjushom kollha qargħa.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[19]Il-fidda jarmuha fit-toroq, u dehebhom isir bħaż-żibel. Il-fidda u d-deheb tagħhom ma jeħilsuhomx f'Jum il-korla tal-Mulej. Bihom ma jixbgħux griżmejhom, lanqas timtela żaqqhom, għax dawn fid-dnub waqqgħuhom.

[20]Ġmiel il-ġawhar tagħhom serviehom għas-suppervja; minnhom għamlu x-xbihat moqżieża ta' allathom. Għalhekk nagħmilhomlhom żibel,

[21]u nerħih bi priża f'idejn il-barranin, u f'idejn il-ħżiena għall-ħatfa, u jniġġsuh.

[22]U ndawwar wiċċi minnhom, ħa jniġġsu t-teżor tiegħi, jidħlu fih il-ħallelin u jipprofanawh, u jagħmlu minnu l-ktajjen.

### Il-profanazzjoni tas-santwarji

[23]"Għax l-art miżgħuda bil-qtil u d-dmija, u l-belt mimlija bil-vjolenza.

[24]Inġib fuqhom ġnus mill-agħar, ħa jeħdulhom djarhom. Intemm is-suppervja tas-setgħanin, u nipprofana s-santwarji tagħhom.

[25]Jasal fuqhom l-hemm, u jfittxu s-sliem bla ma jsibu.

[26]Xnigħat waħda fuq oħra jaslu. Ifittxu xi viżjoni mill-profeti; il-liġi mingħand il-qassis tgħib, il-parir jonqos mingħand ix-xjuħ.

[27]Is-sultan jagħmel il-vistu, il-prinċep jilbes in-niket, u idejn il-poplu tal-pajjiż jitriegħdu. Jien nagħmlilhom skont imġibthom u skont il-ġudizzji tagħhom nagħmel ħaqq minnhom. Ha jkunu jafu li jien il-Mulej."

## Eżekjel 8

### Id-dnubiet ta' Ġerusalemm

[1]Ġara li fis-sitt sena, fil-ħames jum tas-sitt xahar, jien kont qiegħed f'dari, u l-anzjani ta' Ġuda bilqiegħda quddiemi, meta waqgħet hemm fuqi id Sidi l-Mulej.

[2]U ħarist u rajt ħaġa qisha bniedem: minn fejn kien donnu ġenbejh 'l isfel kien qisu nar, u minn ġenbejh 'il fuq kien jidher jiddi bħal bronż ileqq.

[3]U medd għamla ta' id u qabadni minn xagħri u l-ispirtu refagħni, bejn l-art u s-sema, u ħadni f'dehra ta' Alla Ġerusalemm, ħdejn id-daħla tal-bieb ta' ġewwa, li jħares lejn it-Tramuntana, fejn hemm it-tron tal-idolu tal-għira, li jġib l-għira.

[4]U ara, kien hemm il-glorja ta' Alla ta' Iżrael kif kont rajtha f'dehra fil-wita.

[5]U qalli: "O bniedem, ħares lejn it-Tramuntana." U ħarist lejn it-Tramuntana, u rajt fin-naħa tat-Tramuntana tal-bieb tal-artal, l-idolu tal-għira, li kien fid-daħla.

[6]U qalli: "O bniedem, qed tara x'qegħdin jagħmlu? Qed tara l-għemejjel mistkerrha kollha li qed jagħmlu dar Iżrael, biex ikeċċuni 'l barra mit-tempju tiegħi? Għad tara għarukażijiet akbar."

### L-idoli u qżiżijiethom


© 2020 Malta Bible Society.

7U ħadni ħdejn id-daħla tal-bitħa u ħarist, u ara, kien hemm toqba fil-ħajt.

8U qalli: "O bniedem, ħaffer fil-ħajt," u ħaffirt, u rajt bieb.

9U qalli: "Idħol u ara l-għarukażijiet li jagħmlu hemmhekk."

10U jien dħalt u ħarist, u rajt ix-xbihat ta' kull xorta ta' sriep u bhejjem moqżieża,
u kemm allat foloz naqqxet dar Iżrael fil-ħajt dawramejt.

11U sebgħin wieħed mix-xjuħ ta' Iżrael, fosthom Ġażanija bin Safan, weqfin fin-nofs quddiemhom, kull wieħed minnhom biċ-ċensier f'idu u sħaba duħħan ta' inċens ifuħ tielgħa 'l fuq.

12U qalli: "Qiegħed tara, o bniedem, x'qegħdin jagħmlu fid-dlam ix-xjuħ ta' Iżrael kull wieħed f'kamart l-idolu tiegħu, għax jgħidu: 'Hemm il-Mulej ma jaraniex, il-Mulej telaq il-pajjiż!' "

13U qalli: "Issa tara x'għarukażijiet akbar qegħdin jagħmlu."

14U ħadni fid-daħla ta' bieb dar il-Mulej li qiegħda n-naħa tat-Tramuntana, u hemm rajt in-nisa bilqiegħda jibku lil Tammuż.

15U qalli: "Qiegħed tara, o bniedem? U għad tara għarukażijiet akbar minn dawn."

16U ħadni fil-bitħa ta' ġewwa tat-tempju tal-Mulej, u hemm fid-daħla tat-tempju tal-Mulej, bejn il-portiku u l-artal, kien hemm xi ħamsa u għoxrin raġel, b'daharhom lejn it-tempju tal-Mulej, u wiċċhom lejn il-Lvant, imilu lejn ix-xemx.

17U qalli: "O bniedem, m'intix tara? Mhux biżżejjed għad-dar ta' Ġuda li jagħmlu l-għarukażijiet li qegħdin jagħmlu hawn? Li jimlew l-art bil-vjolenza u hekk iqanqlu aktar l-għadab tiegħi? U arahom, bil-fergħa taż-żebbuġ f'imneħirhom.

18Għalhekk jien nimxi bl-għadab magħhom; għajnejja ma jagħdruhom ma nħennx għalihom, jistgħu jgħajtu f'widnejja b'kemm jifilħu, għax jien ma nismagħhomx."

# Eżekjel 9

### Il-qerda tal-ħatja

1U għajjat f'widnejja b'leħen qawwi u qal: "Ersqu intom li se tikkastigaw il-belt, kull wieħed minnkom bl-armi qerrieda f'idu."

2U ara, jersqu sitt irġiel min-naħa tal-bieb ta' fuq, li jħares lejn it-Tramuntana, kull wieħed minnhom bl-armi f'idu biex ifarrak. F'nofshom kien hemm raġel ieħor liebes l-għażel u kellu fuq ġenbu l-meħtieġ għall-kitba. Dawn l-irġiel marru u qagħdu ħdejn l-artal tal-bronż.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

3U l-glorja ta' Alla ta' Iżrael intrefgħet 'il fuq mill-kerubini, għax kienet fuqhom,
u marret fid-daħla tat-tempju.

4Imbagħad il-Mulej sejjaħ lir-raġel liebes l-għażel, li kellu l-meħtieġ għall-kitba fuq ġenbu, u qallu: "Għaddi minn nofs il-belt, minn nofs Ġerusalemm, u agħmel il-marka TAW fuq ġbin dawk li ssibhom jitniehdu u jitbikkew minħabba l-qżiżijiet kollha li jsiru fiha."

5U lill-oħrajn smajtu jgħidilhom: "Għaddu warajh minn nofs il-belt, u sawtu; tħossu għal ħadd u taħfruha 'l ħadd;

6xjuħ, żgħażagħ, xebbiet, tfal, nisa, oqtluhom sal-aħħar wieħed; imma tersqu lejn ħadd minn dawk li għandhom il-marka fuq ġbinhom. Ibdew mis-santwarju tiegħi." U huma bdew mix-xjuħ li kien hemm quddiem it-tempju.

7U qalilhom: "Ipprofanaw it-tempju, imlew il-btieħi tiegħi bil-maqtulin. Oħorġu!" U huma ħarġu u bdew joqtlu fil-belt.

8Kif kienu joqtlu fil-belt, jien bqajt waħdi, u nxtħett għal wiċċi fl-art, u għajjatt: "Ah! Sidi Mulej! Int se teqred il-fdal ta' Iżrael, inti u ssawwab l-għadab tiegħek fuq Ġerusalemm?"

9U qalli: "Il-ħażen tad-dar ta' Iżrael u ta' Ġuda hu kbir ħafna, bla qjies, il-pajjiż kollu mimli dmija, il-belt tfur bil-ħażen, għax huma jgħidu: 'Il-Mulej telaq il-belt, il-Mulej ma jarax.'

10Mela jiena wkoll ma nagħdirx, ma nurix ħniena. Nitlob minn għandhom il-ħlas ta' għemilhom."

11U r-raġel liebes l-għażel, li kellu l-meħtieġ għall-kitba fuq ġenbu, ġie b'dan il-messaġġ: "Għamilt dak li ordnajtli."

## Eżekjel 10

### Il-glorja twarrab mit-tempju

1U ħarist u rajt fuq it-tisqifa ta' fuq ras il-kerubini bħal ħaġra taż-żaffir, donnha għamla ta' tron, li kienet tidher fuqhom.

2U qal lir-raġel li kien liebes l-għażel: "Idħol bejn ir-roti li hemm taħt il-kerubini, u imla l-keffa ta' jdejk b'ġamar tan-nar minn bejn il-kerubini u xerrdu fuq il-belt." U dak daħal, quddiem għajnejja.

3Meta daħal dak ir-raġel il-kerubini kienu wieqfa n-naħa tal-lemin tat-tempju, u s-sħaba kienet timla l-bitħa ta' ġewwa.

4U l-glorja tal-Mulej intrefgħet minn fuq il-kerubini u marret fuq l-għatba tat-tempju; u mtela t-tempju bis-sħaba u l-bitħa mtliet bid-dija tal-glorja tal-Mulej.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

5U l-ħoss tal-ġwienaħ tal-kerubini kien jinstama' sa mill-bitħa ta' barra bħal
leħen ta' Alla li jista' kollox meta jitkellem.

6U ġara li malli ta l-ordni lir-raġel liebes l-għażel u qallu: "Hu n-nar minn bejn ir-
roti, minn bejn il-kerubini," dan daħal u waqaf ħdejn ir-roti.

7U wieħed mill-kerubini tawwal idu minn bejn il-kerubini għal fuq in-nar li kien
hemm bejn il-kerubini, ħa minnu u qiegħdu fil-keffa ta' id ir-raġel liebes l-għażel,
u dan ħadu, u ħareġ.

8U taħt ġwenħajn il-kerubini kienet tidher għamla ta' id ta' bniedem.

9U ħarist u rajt erba' roti ħdejn il-kerubini: rota ħdejn kull kerubin; u r-roti kienu
jiddu qishom ħaġar tat-topazju.

10Jekk tarahom l-erbgħa kienu ta' għamla waħda, bħallikieku rota mdaħħla ġo
oħra.

11Meta kienu jiċċaqalqu, kienu jimxu lejn l-erba' naħat tagħhom, bla ma jilwu
huma u miexja, għax kienu jmorru 'l fejn kienet tħares ir-rota ta' quddiem bla
ma jilwu huma u miexja.

12Ġisimhom kollu - daharhom, idejhom, ġwenħajhom - u r-roti kienu mimlija
għajnejn, minn kull naħa, l-erba' roti li kienu.

13Kif smajt, ir-roti kienu jsejħulhom 'galgal'.

14Kull wieħed kellu erba' wċuħ: wieħed wiċċ ta' gendus, it-tieni wiċċ ta' bniedem,
it-tielet wiċċ ta' ljun, u r-raba' wiċċ ta' ajkla.

15Imbagħad il-kerubini ntrefgħu. Kienu l-istess ħlejjaq ħajjin li kont rajt ħdejn
ix-xmara Kebar.

16U huma u jimxu l-kerubini, kienu jimxu r-roti ħdejhom; u meta l-kerubini
kienu jiftħu ġwenħajhom biex jogħlew 'il fuq mill-art, ir-roti ma kinux iwarrbu
minn ħdejhom.

17Meta l-kerubini kienu jieqfu, kienu jieqfu wkoll ir-roti; u meta kienu jogħlew,
kienu jogħlew magħhom huma wkoll, għax kien hemm fihom l-ispirtu tal-ħlejjaq
ħajjin.

18Imbagħad il-glorja tal-Mulej telqet mid-daħla tat-tempju, u qagħdet fuq il-
kerubini;

19u l-kerubini fetħu ġwenħajhom, ħarġu u ntrefgħu mill-art quddiem għajnejja,
bir-roti maġenbhom. Imbagħad waqfu ħdejn it-tempju tal-Mulej fid-daħla tal-
bieb li jagħti għal-Lvant, bil-glorja ta' Alla ta' Iżrael fuqhom, min-naħa ta' fuq.

20Dawn kienu l-istess ħlejjaq ħajjin li kont rajt taħt Alla ta' Iżrael ħdejn ix-xmara
Kebar; u għaraft li kienu kerubini.


© 2020 Malta Bible Society.

21Kull waħda mill-ħlejjaq ħajjin kellha erba' wċuħ u erba' ġwienaħ, b'sura ta' id ta' bniedem taħt ġwenħajhom.

22U minn suret wiċċhom kienu l-istess uċuħ li kont rajt ħdejn ix-xmara Kebar. Kull waħda minnhom kienet miexja 'l quddiem.

## Eżekjel 11

### It-twiddiba lill-prinċpijiet ħżiena

1Imbagħad l-ispirtu refagħni u ħadni fil-bieb tal-Lvant ta' dar il-Mulej li jħares in-naħa tal-Lvant. U, ara, fid-daħla tal-bieb kien hemm ħamsa u għoxrin raġel; u f'nofshom ilmaħt lil Ġażanija bin Għażżur u Pelatija bin Benaja, ilkoll prinċpijiet tal-poplu.

2U qalli: "O bniedem, dawn huma n-nies li jfasslu l-ħażen u jagħtu l-pariri ħżiena f'din il-belt, u jmorru jgħidu:

3'M'hemmx għaġla nibnu d-djar. Din hi l-borma, u aħna l-laħam.'

4Għalhekk ħabbrilhom, o bniedem, ħabbrilhom!' "

5U niżel fuqi l-ispirtu tal-Mulej, u qalli: "Għidilhom: dan jgħid il-Mulej: Intom hekk tgħidu, dar Iżrael, u jiena naf x'jiġikom f'moħħkom.

6Intom qtiltu fuq li qtiltu f'din il-belt, u triqatha mlejtuhom bil-mejtin.

7Għalhekk, jgħid Sidi l-Mulej: 'Il-mejtin tagħkom li intom xħettuhom f'nofs il-belt huma l-laħam, u dil-belt hi l-borma; u lilkom noħroġkom minnha.

8Intom tibżgħu mix-xabla, imma jien ix-xabla nġib għalikom, oraklu ta' Sidi l-Mulej.

9Jien noħroġkom minn ġo nofsha u nerħikom f'idejn il-barranin, u nagħmel ħaqq minnkom.

10Jgħaddukom minn xifer ix-xabla; fuq il-fruntieri ta' Iżrael nagħmel ħaqq minnkom; tkunu tafu mbagħad, li jien il-Mulej.

11Il-belt ma tkunilkomx bħall-borma u intom ma tkunux il-laħam f'nofsha; fuq il-fruntieri ta' Iżrael nagħmel ħaqq minnkom.

12U tkunu tafu, imbagħad, li jiena l-Mulej; għax intom ma mxejtux skont il-liġijiet tiegħi, u lanqas ma għamiltu d-digrieti tiegħi; biex imxejtu skont il-liġijiet tal-ġnus ta' madwarkom."

### Il-wegħda ta' restawrazzjoni

13Malli temmejt inħabbar, Pelatija bin Benaja miet u jien inxtħett wiċċi fl-art u għajjatt għajta kbira u għedt: "Ah! Sidi Mulej, se teqred int il-fdal ta' Iżrael?"


© 2020 Malta Bible Society.

14U ġietni l-kelma tal-Mulej, u qalli:

15"O bniedem, lil ħutek, lil sħabek itturufnati miegħek, id-dar kollha ta' Iżrael,
lilhom ilkoll, dan qalulhom dawk li jgħammru f'Ġerusalemm: 'Tbegħedtu mill-
Mulej; lilna ngħatat l-art bħala wirt.'

16Mela għid: 'Hekk qal Sidi l-Mulej: Iva, bgħatthom 'il bogħod fost il-ġnus,
xerridthom f'artijiet barranin, u għal ftit żmien kont tempju għalihom fl-art li
marru fiha.'

17Mela għid: 'Dan jgħid Sidi l-Mulej: Jiena niġborkom minn fost il-ġnus,
rreġġagħkom lura mill-artijiet fejn kont xerridtkom u nagħtikom l-art ta' Iżrael.

18U jiġu fiha u huma jwarrbu minnha l-għajb kollu u l-qżiżijiet kollha tagħha.

19U nagħtihom qalb oħra, u nnissel spirtu ġdid ġewwa fihom; naqlgħalhom il-
qalb tal-ġebel minn ġisimhom, u nagħtihom qalb tal-laħam,

20biex huma jimxu fuq il-preċetti tiegħi u jħarsu l-liġijiet tiegħi, u jagħmluhom.
Imbagħad huma jkunu l-poplu tiegħi u jiena nkun Alla tagħhom.

21Imma dawk li qalbhom marbuta mal-idoli, l-għajb u l-qżiżijiet tagħhom, jiena
nitlobhom kont tal-imġiba tagħhom, oraklu tal-Mulej.' "

22U l-kerubini fetħu ġwenħajhom, bir-roti maġenbhom; u l-glorja ta' Alla ta'
Iżrael kienet fuqhom.

23U l-glorja tal-Mulej tqanqlet minn nofs il-belt, u marret qagħdet fuq l-għolja n-
naħa tal-Lvant tal-belt.

24L-ispirtu refagħni u ħadni f'art il-Kaldin fost l-itturufnati, f'dehra ta' Alla; u
għabet minn quddiemi d-dehra li kont rajt.

25U jien għedt lill-itturufnati kulma wrieni l-Mulej.

## Eżekjel 12

### L-eżilju

1U ġietni l-kelma tal-Mulej u qalli:

2"O bniedem, int qiegħed ma' nies ta' rashom iebsa; għandhom l-għajnejn biex
jaraw, imma ma jarawx; għandhom il-widnejn biex jisimgħu, imma ma
jisimgħux; għax huma nies ta' rashom iebsa.

3Issa int, o bniedem, ħu miegħek kulma jeħtieġlu wieħed eżiljat, u itlaq binhar
quddiemhom; tbiegħed minn fejn int, u quddiemhom stess itlaq lejn post ieħor.
Għandhom mnejn jintebħu li huma nies ta' ras iebsa.

4Hejji binhar quddiemhom il-meħtieġ tiegħek, qisu l-meħtieġ ta' min sejjer fl-
eżilju, u filgħaxija oħroġ quddiemhom bħal wieħed ħiereġ għall-eżilju.


© 2020 Malta Bible Society.

5Ħaffer toqba fil-ħajt quddiemhom u oħroġ minnha.

6Ġorr kollox fuq spallejk quddiemhom u oħroġ fid-dlam; għatti wiċċek biex ma tarax l-art. Għax jien għamiltek sinjal għad-dar ta' Iżrael."

7Jiena għamilt kif ordnali l-Mulej, u binhar ħejjejt il-meħtieġ tiegħi, qisu l-meħtieġ ta' min sejjer fl-eżilju; filgħaxija ħaffirt toqba fil-ħajt b'idi stess, u mbagħad ħriġt quddiemhom fid-dlam, bis-sorra fuq spallejja.

8L-għada filgħodu l-Mulej kellimni u qalli:

9"O bniedem, dawn in-nies ta' rashom iebsa ta' dar Iżrael ma staqsewkx x'inti tagħmel?

10Mela għidilhom: 'Hekk jgħid il-Mulej: Kontra l-prinċep li hemm Ġerusalemm hi din is-sentenza, u kontra d-dar kollha ta' Iżrael li tinsab fiha.'

11"Għidilhom: 'Jiena sinjal għalikom. Kif għamilt jien, hekk għad jagħmlu lilkom; fit-turufnament u l-eżilju għad tmorru.

12U l-prinċep li hemm fosthom għad jerfa' s-sorra tiegħu fuq spallejh fid-dlam, u jħaffer toqba fil-ħajt biex joħroġ minnha, u jgħatti wiċċu biex ma jkunx jista' jara l-art b'għajnejh.

13U jien nixħet ix-xibka tiegħi fuqu, u naqbdu fin-nassa tiegħi; nieħdu Babilonja f'art il-Kaldin, imma ma jarahiex; hemm imut.

14U dawk kollha ta' madwaru, l-għassiesa tiegħu u l-eżerċti tiegħu, inxerridhom ma' kull riħ, u nislet ix-xabla tiegħi għal warajhom.

15"U huma jkunu jafu li jiena l-Mulej meta nxerridhom fost il-ġnus, u nferrixhom mal-artijiet kollha.

16Imma nħalli 'l xi wħud minnhom li jeħilsu mix-xabla u l-ġuħ u l-pesta biex iħabbru fost il-ġnus, li fosthom imorru, l-għarukażijiet tagħhom, u jkunu jafu li jiena l-Mulej."

### Ir-restawrazzjoni

17U ġietni l-kelma tal-Mulej u qalli:

18"O bniedem, ħobżok bir-rogħda tieklu, u l-ilma tiegħek tixorbu b'qalbek ittaqtaq u beżgħana.

19U tgħid lill-poplu tal-pajjiż: Dan jgħid Sidi l-Mulej lil dawk li joqogħdu Ġerusalemm f'art Iżrael: 'Ħobżhom jikluh beżgħana u l-ilma jixorbuh imdejqa, għax il-pajjiż jitneżża' minn ġidu u jsir ħerba minħabba l-vjolenza tan-nies kollha li jgħammru fih.

20L-ibliet bin-nies jiġġarrfu u l-art issir ħerba. Ħalli tkunu tafu li jien il-Mulej.' "

21U ġietni l-kelma tal-Mulej, u qalli:

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

22“O bniedem, x’inhu dan l-għajdut tagħkom fil-pajjiż ta’ Iżrael: ‘Itul iż-żmien u kull viżjoni tiġi fix-xejn!’?

23Għalhekk għidilhom: ‘Dan jgħid Sidi l-Mulej: Inwaqqaf dan l-għajdut u ma tgħiduhx aktar fil-pajjiż ta’ Iżrael.’ Anzi għidilhom: ‘Iż-żmien qorob, u s-seħħ ta’ kull viżjoni miegħu.’

24Għax f’nofs id-dar ta’ Iżrael ma jkunx hemm aktar dehriet foloz jew taħbir qarrieq.

25Għax jien il-Mulej, nitkellem u dak li ngħid iseħħ bla ma jitlajja; u sewwasew fi żmienkom, ja razza ta’ nies xewwiexa, ngħid kelma u nagħmilha, oraklu tal-Mulej.’ ”

26U ġietni l-kelma tal-Mulej u qalli:

27“O bniedem: Ara x’inhuma jgħidu d-dar ta’ Iżrael: ‘Il-viżjoni li dan kellu għad iddum ma sseħħ; qiegħed iħabbar għal żminijiet fil-bogħod.’

28Mela għidilhom: ‘Dan jgħid Sidi l-Mulej: Ebda kelma minn tiegħi ma tiddawwar biex tasal, għax jien ngħid kelma u sseħħ, oraklu ta’ Sidi l-Mulej.’ ”

## Eżekjel 13

### Il-profeti foloz

1U ġietni l-kelma tal-Mulej, u qalli:

2“O bniedem, ħabbar kontra l-profeti f’Iżrael u għid lil dawk li qegħdin iħabbru minn rashom: Isimgħu l-kelma tal-Mulej:

3Dan jgħid Sidi l-Mulej: Gwaj għall-profeti boloh li jiġru wara l-ħolm ta’ moħħhom bla ma jkunu raw xejn!

4Il-profeti tiegħek saru bħall-volpi qalb it-tiġrif, o Iżrael!

5Ma tlajtux fuq is-selħiet tas-swar; ma bnejtu ebda sur għal dar Iżrael biex iżomm sħiħ fit-taqbida, f’jum il-Mulej.

6Kellhom viżjonijiet foloz u kienu jħabbru l-gideb u jgħidu: ‘Oraklu tal-Mulej’, meta l-Mulej ma kienx ikun bagħathom, u minn fuq kienu jistennewh iwettaq kliemhom.

7Mhux intom kellkom viżjonijiet foloz u ħabbartu l-gideb? U minn fuq kontu tgħidu: ‘Oraklu tal-Mulej’, meta jien ma kontx inkun tkellimt.”

8Għalhekk dan jgħid Sidi l-Mulej: “Talli intom għedtu l-falz u l-viżjonijiet tagħkom huma gideb, jien niġi għalikom, oraklu ta’ Sidi l-Mulej,

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

9 u mmidd idi fuq il-profeti li jfantsu l-falz u jħabbru l-gideb. Ma jkunux fil-kunsill
tal-poplu tiegħi, ma jinkitbux fil-kotba ta’ dar Iżrael, u ma jidħlux fil-pajjiż ta’
Iżrael, u mbagħad tkunu tafu li jien is-Sid, il-Mulej.

10 Talli qarrqu bil-poplu tiegħi meta qalulu: ‘Sliem’, u sliem ma kienx hemm; u
meta l-poplu kien jibni ħajt tas-sejjieħ, huma kienu jkaħħluh bit-tajn;

11 għid lil dawk li jkaħħluh bit-tajn: ‘Għad jaqa’! Tagħmel xita bil-qliel, nibgħat
silġ bħaċ-ċagħak, u jvenven riħ ta’ riefnu.

12 U l-ħajt jiġġarraf. Imbagħad jgħidulkom: Fejn hu t-tajn tat-tikħil tagħkom?”

13 Għalhekk dan jgħid Sidi l-Mulej: “Fis-saħna tiegħi nqajjem riefnu u fl-għadab
tiegħi nibgħat xita bil-qliel u silġ bħaċ-ċagħak fil-qilla tiegħi.

14 U naqleb il-ħajt li kaħħaltu bit-tajn, inġarrfu fl-art, u nikxiflu s-sisien, u jaqa’, u
intom tintemmu taħtu; imbagħad tkunu tafu li jien il-Mulej.

15 Inserraħ għadbu fuq dak il-ħajt u ’l dawk li jkunu kaħħluh ngħidilhom: “Il-ħajt
ma għadux hemm! Fejn huma l-kaħħala tiegħu,

16 il-profeti ta’ Iżrael li kienu jħabbru lil Ġerusalemm u jfantsulha viżjonijiet ta’
sliem, u sliem ma kienx hemm? Oraklu ta’ Sidi l-Mulej.”

### Il-profeti nisa

17 “U inti, o bniedem, dawwar wiċċek lejn bniet il-poplu tiegħek, li jħabbru minn
rashom u, ħabbar kontrihom. Għidilhom:

18 ‘Dan jgħid Sidi l-Mulej: Gwaj għalihom dawk li jħitu l-faxex għal kull għaksa tal-
id, u jaħdmu velijiet ta’ kull daqs għar-ras biex jonsbu għall-erwieħ. Kif? Intom
tonsbu għall-erwieħ tal-poplu tiegħi, u taħsbu intom li se tibqgħu ħajjin?

19 Intom żeblaħtuni mal-poplu tiegħi għal ftit qabdiet tax-xgħir u ftit loqom ħobż;
billi qtiltu nies li m’għandhomx imutu u żammejtu ħajja nies li ma għandhomx
jgħixu, bil-gideb tagħkom lill-poplu tiegħi, dejjem lest biex jisma’ l-gideb.

20 “Għalhekk jgħid Sidi l-Mulej: “Arawni, ġej għall-faxex tagħkom, li bihom tonsbu
għall-erwieħ; jien inqattagħhom minn fuq dirgħajkom, u bħal għasafar nitlaq
ħielsa l-erwieħ, li intom insobtu għalihom.

21 U jien inqattgħalkom il-velijiet u neħles il-poplu tiegħi minn idejkom, u ma
jibqgħux aktar priża f’idejkom; u mbagħad tkunu tafu li jien il-Mulej.

22 “Għax intom qsamtu qalb il-ġust bil-gideb tagħkom, meta jien ma kiddejtux;
intom qawwejtu id il-ħażin, biex ma jerġax lura minn triqtu l-ħażina u jgħix.

23 Għalhekk ma tfantsux aktar viżjonijiet qarrieqa, u gideb aktar ma tħabbrux. U
jiena neħles il-poplu minn idejkom, u tkunu tafu li jien il-Mulej.’ ”

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

# Eżekjel 14

### Il-kundanna tal-idolatri

1U ġew għandi xi wħud mix-xjuħ ta' Iżrael u qagħdu bilqiegħda quddiemi.

2U ġietni l-kelma tal-Mulej u qalli:

3"O bniedem, dawn in-nies laqgħu f'qalbhom lil allathom u jżommu dejjem quddiem għajnejhom il-kaġun ta' dnubiethom. Se nħallihom jistħarrġuni?

4Mela kellimhom u għidilhom: 'Dan jgħid Sidi l-Mulej: Kull min minn dar Iżrael jilqa' lil allatu f'qalbu u jżomm quddiem għajnejh il-kaġun ta' dnubu u jmur għand il-profeta, jien stess, il-Mulej, inwieġbu minkejja l-kotra ta' allatu.'

5Hekk dar Iżrael tħossha f'qalbha li twarrbu minni minħabba l-kotra ta' allathom.

6"Għalhekk għid lil dar Iżrael: 'Dan jgħid Sidi l-Mulej: Duru u erġgħu lura minn allatkom u dawru wiċċkom mill-qżiżijiet tagħkom.

7Għax kull min mar minn dar Iżrael, jew mill-barranin li jgħixu f'Iżrael, jitwarrab minni u jilqa' f'qalbu 'l allatu u jżomm quddiem għajnejh il-kaġun ta' dnubu, u mbagħad imur għand il-profeta jistaqsini permezz tiegħu, jiena, jiena stess, il-Mulej inwieġbu.

8U ndawwar wiċċi lejh u nagħmel minnu sinjal u proverbju, u nqaċċtu minn fost il-poplu tiegħi, u tkunu tafu li jien il-Mulej.

9"U jekk il-profeta jitqarraq u jgħid xi kelma, inkun jien, il-Mulej, li nkun qarraqt b'dan il-profeta, u mmidd idi għal fuqu u neqirdu minn fost il-poplu tiegħi Iżrael.

10U jkollhom jerfgħu l-kastig ta' dnubhom; bħall-kastig ta' min jistħarreġ, hekk il-kastig tal-profeta.

11Biex b'hekk ma jintilfux aktar minn dar Iżrael minn warajja, u ma jitniġġsux iżjed bi dnubiethom kollha, imma jkunu l-poplu tiegħi, u jiena nkun Alla tagħhom.' Oraklu ta' Sidi l-Mulej."

### Id-dnub u l-kastig ta' Ġerusalemm

12U ġietni l-kelma tal-Mulej u qalli:

13"O bniedem, jekk xi pajjiż jidneb kontrija u jikser kelmtu miegħi, u jien immidd idejja għalih, u neqridlu l-ħażna tal-ħobż, u nibgħatlu l-ġuħ, u nqaċċat minnu nies u bhejjem,

14imqar jekk fih ikun hemm dawn it-tlieta min-nies: Noè, Danjel, u Ġob, dawn biss isalvaw ħajjithom minħabba l-ġustizzja tagħhom, oraklu ta' Sidi l-Mulej.


© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

15“Jekk qatt nitlaq il-bhejjem selvaġġi f’xi pajjiż u jneżżgħuh min-nies, u jsir
ħerba u ħadd ma jgħaddi minnu minħabba l-bhejjem,

16imqar jekk fih ikun hemm dawn it-tlieta min-nies, daqs kemm jien ħaj, oraklu
ta’ Sidi l-Mulej, dawn ma jsalvaw lil ħadd, la subien u la bniet; huma biss jeħilsu,
u l-art issir ħerba.

17“Jekk ngħaddi x-xabla minn fuq dak il-pajjiż u ngħid: Ħa tgħaddi x-xabla minn
fuq l-art u neqred minnha nies u bhejjem,

18imqar jekk fih ikun hemm dawn it-tlieta min-nies, daqs kemm jien ħaj, oraklu
ta’ Sidi l-Mulej, dawn ma jsalvaw lil ħadd, u la subien u la bniet, iżda huma biss
jeħilsu.

19“Jekk nibgħat il-pesta fuq dak il-pajjiż u nserraħ is-saħna tiegħi fuqu bid-dmija
biex neqred minnu nies u bhejjem,

20imqar jekk fih ikun hemm Noè, Danjel, u Ġob, daqs kemm jien ħaj, oraklu ta’
Sidi l-Mulej, dawn ma jsalvaw lil ħadd, u la subien u la bniet; huma biss,
minħabba l-ġustizzja tagħhom, jeħilsu ħajjithom.

21“Għax dan jgħid Sidi l-Mulej: U mqar jekk jien nibgħat fuq Ġerusalemm l-erba’
kastigi ħorox tiegħi, xabla, ġuħ, bhejjem selvaġġi, u pesta, biex jeqirdu minnha
nies u bhejjem,

22ara, għad jibqa’ fiha xi fdal ta’ meħlusin, li joħorġu lis-subien u l-bniet tagħhom!
Dawn għad jiġu għandkom, u meta taraw l-imġiba u l-għemejjel tagħhom, intom
titfarrġu għall-ħsara li nkun ġibt fuq Ġerusalemm, għal kulma nkun ġibt fuqha.

23Huma jfarrġukom u meta taraw l-imġiba tagħhom u l-għemejjel tagħhom,
tkunu tafu li dak li nkun għamilt ma nkunx għamiltulha għal xejn, oraklu ta’ Sidi
l-Mulej.”

# Eżekjel 15

### Ġerusalemm bħal dielja mejta

1U ġietni l-kelma tal-Mulej u qalli:

2“O bniedem, x’inhu l-ħatab tad-dielja, aħjar mill-bqija tal-ħatab, iż-żarġun li
hemm fost is-siġar tal-foresta?

3Forsi jieħdu l-injam minnu, biex jagħmlu minnu xi biċċa xogħol? Forsi jieħdu
minnu xi kavilja għad-dendil?

4Ara, jitfgħuh fin-nar għall-ħruq, u trufu t-tnejn jikolhom in-nar, u n-nofs ukoll
jinħaraq. U meta n-nofs ikun maħruq ukoll, jista’ jiswa għal xi xogħol?

5Ara, meta kien għadu sħiħ, ma kien jiswa għal ebda xogħol. Kemm inqas issa, li
kielu n-nar u qerdu, jista’ jsir xogħol minnu?


© 2020 Malta Bible Society.

6Għalhekk dan jgħid Sidi l-Mulej: Bħalma l-ħatab tad-dielja, fost il-ħatab tal-foresta, jien nitfgħu fin-nar għall-ħruq, hekk nitlaq lin-nies ta' Ġerusalemm.

7Indawwar wiċċi kontrihom; min-nar ħarġu, u n-nar għad jikkunsmahom. U tkunu tafu li jien il-Mulej, meta jien indawwar wiċċi kontrihom.

8U nagħmel ħerba mill-pajjiż talli kisru l-kelma li taw," oraklu tal-Mulej.

## Eżekjel 16

### Ġerusalemm tarbija abbandunata

1U ġiet fuqi l-kelma tal-Mulej u qalli:

2"O bniedem, uri 'l Ġerusalemm l-għarukażijiet tagħha,

3u għidilha: 'Dan jgħid Sidi l-Mulej lil Ġerusalemm: Nislek u twelidek mill-art tal-Kangħanin: missierek mill-Amurrin u ommok mill-Hittin.

4Fi twelidek, nhar twelidek, ma qatgħulekx il-ħajta ta' żokortok, bl-ilma ma ħaslukx biex titnaddaf, ma għorkukx bil-melħ u anqas fisqewk fil-faxex.

5Ebda għajn ma tħassritek biex tagħmillek xi ħaġa minn dan kollu u tħenn għalik, imma stkerrhuk u rmewk fuq wiċċ ir-raba' f'jum twelidek, dak in-nhar li int twelidt!

6"Għaddejt jien minn ħdejk, rajtek titmiegħek f'demmek u għedtlek kif kont mgħargħra f'demmek: 'Int tgħix

7u tikber bħal nebbiet tar-raba'.' U int trabbejt, u kbirt u lħaqt il-milja ta' xbubitek; sidrek imtela u xagħrek kiber, imma kont għadek għarwiena u mikxufa.

### Xebba sabiħa u ħelwa

8"U jiena għaddejt minn ħdejk u ħarist, u rajtek li kont fi żmienek, żmien l-imħabba. Jien frixt fuqek djul mantari u għattejtlek għawarek; u ħliftlek u dħalt f'patt miegħek, u int sirt tiegħi, oraklu ta' Sidi l-Mulej.

9Ħsiltek bl-ilma, naddaftlek demmek u biż-żejt dliktek.

10Libbistek il-brukkat u xeddejtlek sandli tad-delfin, dawwartek bl-għażel u ksejtek bil-ħarir.

11Żejjintek bil-ġawhar; qegħedtlek il-brazzuletti f'dirgħajk, u ġiżirana ma' għonqok;

12qegħedtlek ħolqa f'imnifsejk, u msielet f'widnejk, u dijadema sabiħa tlellex f'rasek.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

13“Kont imżejjna bid-deheb u l-fidda, u lbiesek kien għażel, ħarir, u brukkat. Smid, u għasel, u żejt kont tiekol. Kont sirt sabiħa fuq li sabiħa, u kien jixraqlek tkun sultana.

14“Beda jissemma ġmielek fost il-ġnus: għax xejn ma kien jonqsu t-tiżjin li jien qegħedt fuqek, oraklu ta’ Sidi l-Mulej.

### Iżrael prostituta

15“Imma int tlift rasek bi ġmielek, u ntlaqt għaż-żina, u sawwabt iż-żina tiegħek fuq min ġie ġie.

16Hadt minn ilbiesek, u għamilt santwarji mżejna fuq l-għoljiet u żnejt fuqhom;

17u qbadt il-ġawhar ta’ ġmielek, id-deheb u l-fidda li jien stess kont tajtek, u għamilt minnhom xbihat ta’ rġiel u magħhom żnejt.

18Hadt minn ilbiesek tal-brukkat u ksejthom bih, u offrejtilhom iż-żejt u l-inċens ifuħ, li tajtek jien.

19Hobżi li kont tajtek - tmajtek smid, żejt u għasel - ħadtu, u offrejtulhom b’sagrifiċċju jfuħ u jgħaxxaq, oraklu tal-Mulej.

20“Qbadt imbagħad lill-istess uliedek, subien u bniet, li inti wlidtli, u ssagrifikajthomlhom ħa jieklu minnhom. Taħsbu li mhuma xejn dawn l-għemejjel faħxija tiegħek?

21Qtiltli lil uliedi biex offrejthomlhom ħalli jgħadduhom min-nar.

22U meta kont tagħmel dawn l-għarukażijiet u dawn l-għemejjel faħxija tiegħek, ma kontx tiftakar f’żgħożitek meta kont għarwiena u mikxufa titmiegħek f’demmek!

23Issa wara dan il-ħażen kollu tiegħek - gwaj, gwaj għalik, oraklu ta’ Sidi l-Mulej -

24int bnejt kmajra u tellajt għarix f’kull misraħ.

25F’ras kull triq waqqaft għarixek u kasbart ġmielek, u berraħt riġlejk għal kull min ġie ġie u komplejt biż-żina tiegħek.

26“Żnejt ma’ wlied l-Eġittu, ġirienek imġissma sewwa, u komplejt żidt fiż-żina tiegħek biex tipprovokani.

27“Għalhekk meddejt idejja kontrik, u naqqast sehmek, u rħejtek għar-rieda tal-għedewwa tiegħek, il-bniet tal-Filistin, li stħaw mill-imġiba faħxija tiegħek.

28“Int żnejt ukoll ma’ wlied l-Assirja, żnejt magħhom u qatt ma xbajt;

29komplejt għalhekk biż-żina tiegħek f’art il-Kaldin, u lanqas b’dan ma xbajt.


© 2020 Malta Bible Society.

30“Kemm kienet tferfer qalbek, oraklu tal-Mulej, biex għamilt dan kollu, xogħol
ta’ prostituta bla mistħija?

31Bnejt il-kmajriet tiegħek f’ras kull triq, u f’kull misraħ tellajt l-għerejjex
tiegħek. U lanqas kont bħal prostituta għall-qligħ, għax kont tistmerr il-ħlas,

32imma bħal mara adultera; minflok ’il żewġha, tilqa’ l-barranin.

33Kull prostituta jagħtuha xi ħaġa, iżda int tajt ir-rigali tiegħek lil ħbiebek kollha;
kont ixxaħħamhom biex jiġu jiżnu miegħek min-naħat kollha ta’ madwarek.

34Fl-għemejjel żienja tiegħek ġara l-maqlub ta’ nisa oħra: lilek ħadd ma kien
ifittxek biex jiżni miegħek, kont int li tħallas, u lilek ħadd ma kien iħallsek!
Miegħek kien kollox bil-maqlub!

**Il-kastig ta’ adultera**

35“Mela, ja mara żienja, isma’ l-kelma tal-Mulej:

36Dan jgħid Sidi l-Mulej: Talli int intlaqt daqstant f’għemilek, u kxift għawarek
biex żnejt ma’ ħbiebek, u minħabba l-idoli moqżieża tiegħek, u l-qtil ta’ wliedek
li int offrejtilhom,

37jien se niġbor ’il ħbiebek kollha, l-għaxqa tiegħek, ’il dawk kollha li int ħabbejt
u ’l dawk kollha li kont tistmerr; niġborhom kontrik minn kull naħa.
Quddiemhom jien nikxiflek għawarek kollha ħalli jarawhom kollha kemm huma.

38“Jiena nagħmel ħaqq minnek ta’ mara adultera u qattiela. Niżfoga fuqek fid-
demm is-saħna u l-għira tiegħi.

39Nerħik f’idejhom ħa jġarrfulek il-kmajriet u l-għerejjex tiegħek; ineżżgħuk
minn ħwejġek, jeħdulek il-ġawhar ilellex tiegħek u jħalluk hemm mikxufa u
għarwiena.

40Ixewxu l-folla kontrik, iħaġġruk u jinfduk bix-xabla;

41jagħtu n-nar lil djarek, u jagħmlu ħaqq minnek quddiem għajnejn ħafna nisa.

42Intemm iż-żina tiegħek u ħlas aktar ma tagħtix ’il ħbiebek. Hekk intemm l-
għadab tiegħi għalik, l-għira tiegħek tħallik; inserraħ il-qilla tiegħi u ma
nagħdabx għalik aktar.

43Għax int ma ftakartx fil-jiem ta’ żgħożitek u madankollu m’għamiltx ħlief
saħħantni għalik; jien nitfa’ fuq rasek ħlas l-imġiba tiegħek, oraklu ta’ Sidi l-
Mulej. Ma għallejtnix int bl-għemejjel moqżieża kollha tiegħek?

**Iżrael bħal Sodoma u Samarija**

44“Ara! Kull qabbiel jista’ jqabbillek hekk: ‘Skont l-omm il-bint!’


© 2020 Malta Bible Society.

45Bint ommok int, li kienet tistmell lil żewġha u lil uliedha; oħt ħutek il-bniet int, li kienu jistmellu lil żwieġhom u lil uliedhom. Ommkom, bint il-Ħittin, missierkom wild l-Amurrin.

46Oħtok il-kbira hi Samarija fuq ix-xellug tiegħek b'uliedha l-bniet; oħtok iż-żgħira hi Sodoma fuq il-lemin tiegħek b'uliedha l-bniet.

47"Int għall-ewwel ma qbadtx triqathom, lanqas m'għamilt għarukażijiet, imma biss għal ftit taż-żmien. Iżda mbagħad tħassart f'imġibtek kollha aktar minnhom.

48"Daqs kemm jien ħaj, oraklu ta' Sidi l-Mulej, oħtok Sodoma u bnietha m'għamlux dak li għamilt int u bnietek.

49Ara! Dan kien id-dnub ta' oħtok Sodoma, hi u wliedha l-bniet: kienu kburin, imxebbgħin bil-ħobż, u moħħhom mistrieħ u kwiet, imma lill-imsejken u l-fqir qatt ma weżnuhom.

50Imtlew bihom infushom u għamlu kulma jien nistmell, u jien ċħadthom malli rajt dan.

51"U Samarija ma għamlitx in-nofs tad-dnubiet li għamilt int. Int waqajt f'għarukażijiet aktar minnhom, tant li ħutek ħdejk, ħdejn l-għarukażijiet tiegħek, bdew jidhru ġusti.

52"Mela issa ġorr l-għajb tiegħek, ladarba għamilt tajjeb għal ħutek! Għax bi dnubietek int tqażżiżt aktar minnhom, u ħdejk saru ġusti aktar minnek. Istħi, mela, u ġorr fuqek l-għajb tiegħek, għax għamilt lil ħutek ġusti aktar minnek ħdejk.

53"Imma jien inbiddlilhom xortihom: ix-xorti ta' Sodoma u bnietha u x-xorti ta' Samarija u bnietha; u xortik ukoll inbiddel f'nofshom,

54ħalli int tħoss ukoll it-toqol tal-għajb tiegħek u tistħi minn dak kollu li int għamilt u tajthom pjaċir.

55U ħutek, Sodoma u wliedha l-bniet, jerġgħu għal li kienu qabel; u wkoll Samarija u wliedha jerġgħu għal li kienu qabel; u int wkoll u wliedek terġgħu għal li kontu fl-imgħoddi.

56"Ma kellhiex isem ħażin fuq fommok oħtok Sodoma fi żmien kburitek, qabel ma nkixfet ħżunitek?

57Bħalha issa sirt int; jgħajruk in-nisa ta' Edom u n-nisa tal-Filistin, il-ġirien tiegħek iżebilħuk ilkoll minn kull naħa.

58Int qiegħda tħallas għal għemilek u qżiżijietek, oraklu tal-Mulej."

59Hekk jgħid Sidi l-Mulej: "Jien nagħmillek dak li għamilt int meta kasbart il-ħalfa u ksirt il-patt.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

60Imma jien niftakar fil-patt li għamilt miegħek fi żmien żgħożitek u nġedded il-
patt tiegħi miegħek għal dejjem.

61Int imbagħad tiftakar fl-imġiba tiegħek u tistħi meta tilqa' għandek lil ħutek il-
bniet, sew ikbar u sew iżgħar minnek, li jien għad nagħtihomlok bħala wliedek,
għalkemm mhux bis-saħħa tal-patt.

62U nġedded il-patt tiegħi miegħek, ħa tagħraf li jiena l-Mulej,

63biex tiftakar u timtela bil-mistħija, u ma jkollokx aktar ħila tiftaħ ħalqek
minħabba l-għajb tiegħek, meta nkun ħfirtlek dak kollu li għamilt, oraklu ta' Sidi
l-Mulej."

## Eżekjel 17

### L-allegorija tad-dielja u l-ajkla

1U ġietni l-kelma tal-Mulej u qalli:

2"O bniedem, qabblilhom taqbila u fassal tixbiha għal ulied Iżrael.

3Għidilhom: Dan jgħid Sidi l-Mulej: 'Kien hemm ajkla kbira, ġwenħajha kbar,
b'pinen twal, u rix imżewwaq, li ġiet il-Libanu u ħadet fergħa mill-quċċata taċ-
ċedru;

4ħasdet l-ogħla tarf tal-friegħi tagħha, u ħaditu f'art il-Kangħanin u ħallietu f'belt
il-merkanti.

5Hadet ukoll miż-żerriegħa ta' dik l-art, u żergħetha f'għalqa taż-żrigħ, ħawlitha
ħdejn gelgul ilma bħas-siġra taż-żafżaf.

6Nibtet u saret dielja mifruxa fl-art, u frigħetha meddet lejha, u għeruqha baqgħu
hemm fejn kienet. U saret dielja, ħarġet iż-żraġen, u rmiet il-friegħi.

7Imma kien hemm ajkla oħra kbira, ġwenħajha kbar u rixha folt. Ara! Dik id-
dielja dawret għeruqha lejha, u mill-ħmiemel fejn kienet imħawla meddet
frigħetha lejha, ħalli ssaqqiha.

8Hadha u ħawwilha f'art għammiela, ħdejn gliegel ta' ilma xxettlet, ħalli toħroġ
il-friegħi u l-frott tagħmel, biex hekk issir dielja sabiħa.'

9Għidilhom: 'Dan jgħid Sidi l-Mulej: Taħsbu li se tmur tajjeb? Ma taqlagħhiex l-
ajkla l-oħra minn għeruqha, taqtgħalha frottha u tħalliha tinxef? Jinxef ir-rimi
kollu tal-friegħi tagħha. Ma tkunx meħtieġa saħħa kbira, jew kotra nies biex
jaqilgħuha minn għeruqha.

10Araw! Jewwilla għax imxettla se tmur 'il quddiem? Ma tinxifx għalkollox malli
jmissha r-riħ mil-Lvant? Iva, fil-ħmiemel fejn ixxettlet, tinxef."

### It-tifsira ta' allegorija

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

11U ġietni l-kelma tal-Mulej, u qalli:

12“Għid lil din ir-razza rasha iebsa: Ma tafux xi jfisser dan? Għidilhom: ‘Araw! Ġie
s-sultan ta’ Babilonja Ġerusalemm, u qabad is-sultan tagħha u l-prinċpijiet
tagħha u ħadhom miegħu Babilonja.

13U ħa wieħed minn nisel is-saltna, u għamlu sultan u għamel patt miegħu, u
rabtu b’ġurament. U ħa miegħu wkoll il-kbarat tal-pajjiż,

14biex tiċċekken is-saltna u ma titkabbarx u s-sultan iħares il-patt li ntrabat bih,
u hekk is-saltna żżomm sħiħa.

15“Imma hu qam kontrih u bagħat il-messaġġiera tiegħu l-Eġittu, biex dan
jagħtih żwiemel u kotra nies. Tista’ tiġih tajba? Jista’ jeħlisha min għamel dan?
Jista’ jikser il-patt u jeħles?’

16“Daqs kemm jien ħaj, oraklu ta’ Sidi l-Mulej, talli żeblaħ il-ħalfa tiegħu u kiser
il-patt li għamel miegħu, f’nofs il-Belt ta’ Babilonja jmut, f’art is-sultan li tellgħu
fuq it-tron.

17Il-Fargħun mhux se jgħinu b’eżerċtu kbir jew b’ħafna nies meta jkun hemm il-
ġlied, meta jtellgħu r-rampa u jibnu ħajt madwar għall-qerda ta’ ħafna nies.

18Hu żeblaħ il-ġurament, u kiser il-patt; newwel idu u mbagħad għamel dan
kollu: żgur li ma jeħlishiex!

19“Għalhekk dan jgħid Sidi l-Mulej: ‘Daqs kemm jien ħaj, il-ġurament tiegħi li
kasbar u l-patt tiegħi li kiser, nitħallas tagħhom minn fuq rasu.

20Nifrex fuqu x-xibka tiegħi, u jinqabad fl-ingassa tiegħi, u nkaxkru f’Babilonja, u
hemmhekk nagħmel ħaqq minnu talli kiser kelmtu miegħi.

21L-aħjar fost il-qtajja’ kollha tal-eżerċtu tiegħu, jaqgħu taħt ix-xabla, u dawk li
jeħilsuha jixxerrdu ma’ kull riħ. Imbagħad tkunu tafu li jiena, il-Mulej, tkellimt.”

22Dan jgħid Sidi l-Mulej: “Jien naqta’ mill-quċċata taċ-ċedru l-għoli, minn tarf il-
friegħi l-għolja, rimja żgħira, u nxettilha fuq il-muntanja għolja u kbira;

23fuq il-muntanja l-għolja ta’ Iżrael inxettilha. U hi toħroġ il-friegħi, u tagħmel il-
frott, u ssir siġra sabiħa taċ-ċedru. U taħtha jistkenn kull tajr tal-ġwienaħ,
jistkennu għad-dell tal-friegħi tagħha.

24U jagħrfu s-siġar kollha tar-raba’ li jien il-Mulej, li siġra għolja nċekkinha, u
siġra żgħira nkabbarha; nnixxef is-siġra l-ħadra, u n-niexfa bil-weraq
inħaddarha. Jien, il-Mulej, tkellimt, u li għedt nagħmlu.”

## Eżekjel 18

### Imut min jidneb

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

1Ġietni l-kelma tal-Mulej, u qalli:

2"Xi tridu tfissru bih dan il-proverbju għall-art ta' Iżrael: Il-missirijiet kielu l-
għeneb qares u ddarrsu snien uliedhom?

3Daqs kemm jien ħaj," oraklu ta' Sidi l-Mulej, "ma jkollkomx għalfejn ittennuh
iżjed dan il-proverbju f'Iżrael.

4Araw, kulħadd huwa tiegħi; bħall-ħajja tal-missier hekk dik tal-iben tiegħi
huma. Min jagħmel id-dnub, ikun hu li jmut.

5"Jekk wieħed jgħix ħajja sewwa u jagħmel il-ħaqq u s-sewwa, jiġifieri

6ma jmurx jiekol fuq il-muntanji, ma jerfax għajnejh lejn l-idoli tad-dar ta' Iżrael,
ma jtebbax il-mara ta' għajru, ma jersaqx lejn mara fl-inġiesa tagħha,

7ma jaħqar lil ħadd, irodd lura r-rahan tad-dejn, ma jisraqx, jagħti ħobżu lil min
hu bil-ġuħ, jostor bl-ilbies lill-għeri,

8u ma jislifx bl-imgħax, ma jiħux interessi, iżomm idu mill-ħażen, jagħmel il-ħaqq
skont is-sewwa bejn bniedem u ieħor,

9iġib ruħu skont il-kmandamenti tiegħi u jħares id-digrieti tiegħi biex jagħmel
is-sewwa, min jagħmel dan kollu huwa ġust, u żgur jgħix," oraklu ta' Sidi l-Mulej.

10"Iżda jekk huwa jiled iben li jagħtiha għas-serq u għat-tixrid tad-demm,

11u jagħmel ħwejjeġ bħal dawn - għalkemm hu qatt ma jkun għamilhom - jekk l-
iben imur jiekol fuq il-muntanji, u jtabba' l-mara ta' għajru,

12u jaħqar lill-fqar u lill-imsejkna, jisraq, ma jroddx lura r-rahan tad-dejn, jerfa'
għajnejh lejn l-idoli, jagħmel ħwejjeġ moqżieża,

13jislef bl-imgħax u jieħu l-interessi, jaqaw iben bħal dan se jgħix? Le, ma jgħixx;
hu jkun għamel dawn il-ħwejjeġ moqżieża kollha, u żgur imut, demmu jkun fuqu.

14"Imma jekk jiled iben, u dan jara d-dnubiet li jkun għamel missieru, jibża' u ma
jagħmilx bħalhom;

15ma jmurx jiekol fuq il-muntanji u għajnejh ma jerfagħhomx fuq l-idoli ta' dar
Iżrael, il-mara ta' għajru ma jtebbagħhiex,

16'il ħadd ma jaħqar, ma jżommx ir-rahan, ma jisraqx, jagħti ħobżu lil min hu bil-
ġuħ, jostor bl-ilbies lill-għeri,

17iżomm idu mill-ħażen, imgħax u interessi ma jiħux, u jagħmel id-digrieti tiegħi
u jimxi skont il-liġijiet tiegħi; dan ma jmutx minħabba dnubiet missieru, imma
jibqa' ħaj.

18Imma missieru li jkun żamm jew seraq dak li hu ta' għajru, u jkun għamel dak
li mhux sewwa f'nofs il-poplu tiegħu, minħabba ħżunitu, dan imut.


© 2020 Malta Bible Society.

19 U madankollu intom tgħidu: ‘M’għandux l-iben jitgħabba b’ħażen missieru? Jekk l-iben ikun għamel il-ħaqq u s-sewwa u ħares il-liġijiet tiegħi u għamilhom, dan jgħix!

20 “Il-bniedem li jidneb, hu għandu jmut; l-iben ma jbatix minħabba fid-dnubiet ta’ missieru, u lanqas il-missier minħabba fid-dnubiet ta’ ibnu. Il-ġustizzja tal-bniedem ġust titqieslu għalih ġid; u l-ħażen tal-bniedem ħażin jitqieslu għalih kastig.

### Il-ħażin li jindem jgħix

21 “Imma jekk il-bniedem ħażin jerġa’ lura minn ħtijietu kollha li jkun għamel, u jħares il-liġijiet kollha tiegħi u jagħmel il-ħaqq u l-ġustizzja, hu jgħix u ma jmutx.

22 Ebda dnub milli jkun għamel ma nfakkarlu; u hu jgħix minħabba fil-ġustizzja li jkun għamel.

23 Forsi jien togħġobni l-mewt tal-bniedem il-ħażin?” oraklu ta’ Sidi l-Mulej; “mhux aktar jogħġobni li jerġa’ lura minn triqatu u jgħix?

24 Iżda mbagħad forsi se jgħix il-bniedem ġust jekk jerġa’ lura mill-ġustizzja tiegħu u jagħmel il-ħażen kollu li jagħmel il-bniedem il-ħażin?” Ebda wieħed mill-għemejjel tajba tiegħu ma nfakkarlu, u minħabba l-qerq li jkun għamel u l-ħtija li fiha jkun waqa’, huwa jmut.

### Il-ġustizzja ta’ Alla

25 “Intom tgħidu: “Mhijiex sewwa l-imġiba tal-Mulej!’ Issa isimgħu, dar Iżrael: Forsi l-imġiba tiegħi mhijiex sewwa? Mhux l-imġiba tagħkom li mhijiex sewwa?

26 Jekk wieħed ġust jitbiegħed mill-ġustizzja tiegħu u jagħmel il-ħażen, u jmut minħabba dan, minħabba ħżunitu jkun miet.

27 Imma jekk il-midneb jerġa’ lura mid-dnub li jkun għamel, u jagħmel il-ħaqq u l-ġustizzja, hu jsalva ruħu.

28 Għax ikun intebaħ u reġa’ lura mid-dnubiet kollha li jkun għamel, u jibqa’ ħaj u ma jmutx.

29 Iżda dar Iżrael jgħidu: ‘Mhijiex sewwa l-imġiba tal-Mulej!’ Forsi l-imġiba tiegħi mhijiex sewwa, dar Iżrael? Mhux l-imġiba tagħkom li mhijiex sewwa?

30 Għalhekk lil kull wieħed minnkom niġġudikah skont imġibtu, dar Iżrael,” jgħid Sidi l-Mulej. “Indmu, u erġgħu lura minn dnubietkom kollha, biex ma jkollkomx xi jwaqqagħkom fil-ħażen.

31 Biegħdu minnkom il-ħtijiet kollha li waqajtu fihom, u ġeddu qalbkom u ruħkom. L-għala tridu tmutu, dar Iżrael?

32 Jiena ma nieħu pjaċir bil-mewt ta’ ħadd,” jgħid Sidi l-Mulej. “Mela indmu u għixu.”

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

# Eżekjel 19

### L-allegorija tal-ljun

1U inti għanni għanja tal-biki għall-prinċpijiet ta' Iżrael

2u għidilhom: X'iljuna kien fiha ommok fost il-ljuni! Imteddet qalb il-ljuni żżgħar, u rabbiet il-ġriewi tagħha.

3Minn dawn il-ġriewi rawmet wieħed, sakemm kiber f'daqsxejn ta' ljun: tgħallem jaħtaf il-priża, u jiekol in-nies.

4U l-ġnus għajtu u nġemgħu kontrih, u nqabad fil-ħofra tagħhom. Imbagħad ħaduh bil-ħoloq fl-art tal-Eġittu.

5U meta rat li stenniet għal xejn, li tamitha sfat fix-xejn, ħadet ieħor minn ġriwitha, u minnu rawmet iljun żgħir.

6U beda jħuf qalb il-ljuni, u kiber f'daqsxejn ta' ljun; tgħallem jaħtaf il-priża, u beda jiekol in-nies

7Ġarr il-priża lejn għerienu, u ħarbat bliethom. Twerwer il-pajjiż b'kulma kien fih għall-ħoss tat-tgargir tiegħu.

8Imbagħad il-ġnus daru għalih, mill-ibliet kollha ta' madwar, firxu xbiekhom fuqu, u nqabad f'ħofrithom.

9Għalquh ġo gaġġa marbut bil-ktajjen, u ħaduh għand is-sultan ta' Babilonja, u dan għalqu f'fortizza biex għajjatu aktar ma jinstamax, fuq l-għoljiet ta' Iżrael.

### L-allegorija tad-dielja

10Ommok kienet bħal dielja f'qasam dwieli, imxettla ħdejn l-ilma kotran; kienet għammiela u kollha friegħi, minħabba l-ħafna ilma.

11Hareġ minnha żarġun b'saħħtu, u sar xettru ta' sultan, intrefa' 'l fuq minn bejn il-friegħi, u fl-għoli qalb il-friegħi folti kont tarah.

12Imma d-dielja qaċċtuha f'saħna, u mal-art meddewha. Ir-riħ mil-Lvant nixxfilha l-frott; iż-żarġun b'saħħtu qaċċtuhulha, nixef u ħarqu n-nar.

13U issa tinsab imħawla fid-deżert, f'art għatxana u taħraq nar.

14Miż-żarġun ħareġ in-nar, u l-friegħi u l-frott kililha. Ma baqa' ebda żarġun b'saħħtu, ebda xettru għal sultan. Din hi għanja ta' lamentazzjoni u tkun għanja tal-vistu.

# Eżekjel 20

### L-apostasija ta' Iżrael fl-Eġittu

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

1U ġara li fis-seba’ sena, fl-għaxra tal-ħames xahar, ġew xi wħud mill-anzjani ta’ Iżrael jistħarrġu lill-Mulej u qagħdu bilqiegħda quddiemi:

2U ġietni l-kelma tal-Mulej u qalli:

3“O bniedem, kellem lix-xjuħ ta’ Iżrael u għidilhom: Dan jgħid Sidi l-Mulej: ‘Ġejtu intom biex tistħarrġuni? Daqs kemm jien ħaj, ma nħallikomx tistħarrġuni, oraklu ta’ Sidi l-Mulej.’

4“O bniedem, trid int tagħmel ħaqq minnhom? Trid tiġġudikahom? Mela għarrafhom bil-qżiżijiet ta’ missirijiethom.

5Għidilhom: ‘Dan jgħid Sidi l-Mulej: Meta jien għażilt lil Iżrael u rfajt idi u ħlift lil nisel dar Ġakobb u għarrafthom bija nnifsi fl-art tal-Eġittu, għollejt idi u għedtilhom: Jiena l-Mulej Alla tagħkom.

6Dakinhar erfajt idi u ħliftilhom li noħroġhom mill-art tal-Eġittu lejn art li għażilt għalihom, art tnixxi ħalib u għasel, ġawhra fost kemm huma l-artijiet.

7U għedtilhom: Armu kull wieħed minnkom il-kruhat li paxxew ’l għajnejkom u titniġġsux bl-allat tal-Eġittu. Jiena l-Mulej Alla tagħkom.

8Imma huma rvellaw kontrija u ma ridux jagħtuni widen; ma rmewx il-kruhat li paxxew ’l għajnejhom, u l-allat tal-Eġittu ma abbandunawhomx. “Imbagħad ħsibt li nsawwab il-qilla tiegħi fuqhom, li niżfoga għadbi fuqhom f’nofs l-art tal-Eġittu.

9Imma kelli nagħmel mod ieħor minħabba ismi; li ma jkunx imżeblaħ f’għajnejn il-ġnus, li huma kienu f’nofshom, u taħt għajnejhom għarrafthom bija nnifsi, u ħriġthom mill-art tal-Eġittu.

10Hriġthom mill-art tal-Eġittu u ġibthom fid-deżert.

11U tajthom il-liġijiet u l-preċetti tiegħi għarrafthom, li jekk bniedem jagħmilhom jista’ jgħix bihom.

12U tajthom is-Sibtijiet tiegħi biex ikunu sinjal bejni u bejnhom, u jkunu jafu li jien il-Mulej, li kkonsagrajthom.

### L-apostasija ta’ Iżrael fid-deżert

13“Imma dar Iżrael irvellaw kontrija fid-deżert; skont il-liġijiet tiegħi ma mxewx u l-preċetti tiegħi abbandunawhom, li jekk bniedem jagħmilhom jista’ jgħix bihom. Is-Sibtijiet tiegħi pprofanawhom bis-sħiħ. Jien ħsibt, għalhekk, li nsawwab il-qilla tiegħi fuqhom fid-deżert biex neqridhom.

14Imma jien kelli nagħmel mod ieħor biex ismi ma jkunx imżeblaħ f’għajnejn il-ġnus li taħt għajnejhom ħriġthom.

15“Imma jiena rfajt idi fid-deżert u ħliftilhom li ma ndaħħalhomx fl-art li jiena wegħedthom, art tnixxi ħalib u għasel, ġawhra fost kemm huma l-artijiet.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

16 Stmerrew il-preċetti tiegħi, u ma mxewx fuq il-liġijiet tiegħi, ipprofanaw Sibtijieti għax qalbhom marret wara l-allat tagħhom.

17 Iżda għajnejja tħassruhom, u ma għamiltilhomx deni, u ma qridthomx fid-deżert.

18 “U għedt lil uliedhom fid-deżert: La timxux fuq drawwiet missirijietkom, u l-liġijiet tagħhom tħarsuhomx u b’allathom titniġġsux.

19 Jiena l-Mulej Alla tagħkom. Imxu fuq il-liġijiet tiegħi, u ħarsu d-digrieti tiegħi, u għamluhom.

20 Qaddsu Sibtijieti u jkunu dawn sinjal bejni u bejnkom ħa tkunu tafu li jiena l-Mulej Alla tagħkom.

21 U lanqas uliedhom ma ħarsu d-digrieti tiegħi, li jekk bniedem jagħmilhom jista’ jgħix bihom. Sibtijieti pprofanawhom. U jiena qtajtha li nsawwab qillti fuqhom, u nserraħ għadbi fuqhom fid-deżert.

22 Imma ġbidt idi lura, u għamilt mod li ismi ma jkunx imżeblaħ quddiem għajnejn il-ġnus, li quddiemhom ħriġthom.

23 “Imma rfajt idi u ħliftilhom fid-deżert li nxerridhom qalb il-ġnus u nferrixhom mal-artijiet,

24 għax id-digrieti tiegħi ma għamluhomx, u l-liġijiet tiegħi stmerrewhom, u Sibtijieti pprofanawhom, u xeħtu għajnejhom fuq allat missirijiethom.

25 Għalhekk tajthom liġijiet mhux tajbin, u digrieti li bihom ma jgħixux.

26 U niġġisthom bl-offerti tagħhom, u ħallejthom jgħaddu min-nar l-ulied tal-ewwel, biex inkexkixhom u jkunu jafu li jien il-Mulej.

### L-apostasija f’Kangħan

27 “Mela, kellem, o bniedem, lil dar Iżrael u għidilhom: ‘Dan jgħid Sidi l-Mulej. B’dan ukoll komplew iżebilħuni missirijiethom, u jqarrqu bija.

28 Meta jien daħħalthom fl-art li jien għollejt idi u ħliftilhom li nagħtihielhom: kull fejn raw ħotba daqsxejn għolja jew siġra bi ftit friegħi, hemm offrew is-sagrifiċċji tagħhom, hemm ġiebu l-offerti tagħhom biex jinkuni, u hemm poġġew il-fwejjaħ jgħaxxqu tagħhom, u sawbu l-libazzjonijiet tagħhom.

29 U għedtilhom: X’inhi din l-għolja biex intom titilgħu fuqha? U għadhom sa llum stess ‘bama’ jsejħulha.

30 “Għalhekk għid lil dar Iżrael: ‘Dan jgħid Sidi l-Mulej: Jaqaw bħal missirijietkom tniġġistu, u għadkom tiżnu wara l-qżież ta’ allathom?


© 2020 Malta Bible Society.

31 Wara li tniġġistu bl-offerti tagħkom u għaddejtu lil uliedkom min-nar lill-allat tagħkom sal-lum, taħsbu li se nħallikom tistħarrġuni, dar Iżrael? Daqs kemm jien ħaj, oraklu ta' Sidi l-Mulej, ma nħallikomx tistħarrġuni.

32 Dak li jiġikom f'moħħkom ma jseħħx, dak li qegħdin tgħidu: 'Inkunu bħall-ġnus, bħar-razez ta' artijiet oħra: naduraw il-ħatab u l-ħaġar.'

### Alla jnaddaf lil Iżrael

33 "Daqs kemm jien ħaj, oraklu ta' Sidi l-Mulej, b'id qawwija, u bi driegħ merfugħ, b'qilla tbaqbaq, jien naħkem fuqkom.

34 Imbagħad noħroġkom minn fost il-popli u niġborkom mill-artijiet fejn jien xerridtkom fihom b'id qawwija, u bi driegħ merfugħ, u b'qilla tbaqbaq.

35 "Inġibkom fid-deżert tal-ġnus u hemm nagħmel ħaqq minnkom, hemm wiċċ imb wiċċ.

36 Bħalma għamilt ħaqq minn missirijietkom fid-deżert tal-Eġittu, hekk nagħmel ħaqq minnkom, oraklu ta' Sidi l-Mulej.

37 Ngħaddikom minn taħt il-ħatar u ndaħħalkom bl-għadd.

38 U nnaqqi minnkom ix-xewwiexa u l-midinbin kontrija, noħroġhom mill-art fejn huma barranin, imma f'art Iżrael ma jidħlux, u tkunu tafu li jiena l-Mulej.

### Ħniena għall-poplu

39 "U intom, dar Iżrael, dan jgħid Sidi l-Mulej: Ħa jmur kull wieħed minnkom wara allatu, ħa jadurahom. Imma mbagħad ma jkun hemm ħadd minnkom li ma jismax minni; ismi l-qaddis ma tkasbrux iżjed bl-offerti tagħkom u b'allatkom.

40 "Għaliex fuq il-muntanja mqaddsa tiegħi, fuq l-għolja ta' Iżrael, oraklu ta' Sidi l-Mulej, hemm għad isservini d-dar kollha ta' Iżrael, kemm ikun hemm fil-pajjiż; hemm nilqagħhom, hemm nistenniehom bl-offerti tagħhom, l-aħjar tal-offerti tagħkom u kulma tikkonsagrawli.

41 Hemm nilqagħkom bħal fwieħa tgħaxxaq meta noħroġkom minn fost il-popli, u niġborkom mill-artijiet fejn xerridtkom, u nuri qdusiti fikom taħt għajnejn il-ġnus.

42 Imbagħad tkunu tafu li jiena l-Mulej, meta jien inġibkom fl-art ta' Iżrael, l-art li jien għollejt idi u ħlift li nagħtiha lil missirijietkom.

43 Hemm tiftakru fl-imġiba tagħkom u fl-għemejjel tagħkom kollha li bihom tniġġistu, u tiddardru bikom infuskom, minħabba l-ħażen kollu li għamiltu.

44 U tkunu tafu li jiena l-Mulej, meta jien nimxi magħkom skont ismi, u mhux skont triqatkom il-ħżiena u skont l-għemejjel imħassra tagħkom, dar Iżrael, oraklu ta' Sidi l-Mulej."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

# Eżekjel 21

### L-oraklu kontra n-Negeb

1U ġietni l-kelma tal-Mulej, u qalli:

2"O bniedem, dawwar wiċċek lejn Teman, u ħabbar kontra l-foresta tan-Negeb, tanbar lin-naħa tan-Nofsinhar,

3u għid lill-foresta tan-Negeb: 'Isma' l-kelma tal-Mulej: 'Arawni, se nkebbes fik in-nar, u kull siġra ħadra u kull siġra niexfa fik jikolha, u l-ilsna jħeġġu u ma jintfewx; jinħarqu l-uċuħ kollha min-Nofsinhar sat-Tramuntana.

4U kull bniedem jara li jien, il-Mulej, qabbadtu u ma nitfihx."

5Imbagħad għedt: "Ah! Sidi Mulej, qegħdin jgħidu: 'Dan mhux ħlief ħrejjef qiegħed iqabbel?' "

6U ġietni l-kelma tal-Mulej u qalli:

7"O bniedem, dawwar wiċċek lejn Ġerusalemm u tanbar kontra s-santwarji u ħabbar kontra l-pajjiż ta' Iżrael.

8Għid lill-art ta' Iżrael: 'Dan jgħid il-Mulej: Arani ġej għalik u nislet ix-xabla tiegħi minn għantha biex neqred minn ġo nofsok il-ġust u l-ħażin.

9Irrid neqred minnek il-ġust u l-ħażin; għalhekk ix-xabla tiegħi se toħroġ mill-għant, tolqot kull bniedem min-Nofsinhar sat-Tramuntana;

10Kull bniedem ikollu jagħraf li jien il-Mulej li ħriġt ix-xabla tiegħi minn għantha u mhux se terġa' lura iżjed.'

11"Issa tniehed, o bniedem, tniehed b'qalbek maqsuma bl-imrar quddiem għajnejhom.

12U jiġri li jgħidulek: 'Għala qiegħed titniehed?' U int tweġibhom: 'Minħabba aħbar, li malli tasal tinħall kull qalb, jintelqu d-dirgħajn, u tintreħa kull ruħ, u jimxu fl-ilma l-irkupptejn. Ara! Waslet, seħħet! Oraklu ta' Sidi l-Mulej.' "

### L-għanja tax-xabla

13U ġietni l-kelma tal-Mulej u qalli:

14"O bniedem, ħabbar u għid hekk: 'Hekk jgħid Sidi l-Mulej:

15Xabla misnuna u llimata wkoll, misnuna għall-qatla, illimata biex tleħħ bħal beraq.

16Ha tinħafen fl-id, bgħattha għall-illimar, xabla misnuna u llimata, lesta għall-qatla.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

17Għajjat, ixher, o bniedem, imdendla fuq il-poplu tiegħi, imdendla fuq il-
prinċpijiet kollha ta' Iżrael, mogħtija lkoll għax-xabla mal-poplu tiegħi.

18Agħti għalhekk, fuq ġniebek! Tiġrib hemm lest għalikom. Min se jeħodha
kontra l-ħatar? Jgħid Sidi l-Mulej.

19U int, O bniedem, ħabbar, ċapċap idejk! Tirdoppja x-xabla u ssir daqs tlieta, ix-
xabla tal-massakru; din hi x-xabla tal-qatla l-kbira; tross fuqhom minn kull naħa.

20Biex jinħallu qlubhom bil-biża' jien qegħedt il-ponta tax-xabla f'kull bieb, biex
il-maqtulin joktru fi bwiebhom. Iva, jien erħejt ix-xabla għall-massakru, xabla
maħduma biex tleħħ bħall-beraq,' misnuna għall-qerda.

21Iddur lejn il-lemin, iddur lejn ix-xellug, kull fejn iddur ix-xabla toqtol.

22U jien ukoll idejja nċapċap, u għadbi nserraħ.' Jiena, il-Mulej, tkellimt."

### Nabukodonosor sultan ta' Babilonja f'salib it-toroq

23U ġietni l-kelma tal-Mulej u qalli:

24"U int, o bniedem, ħażżeż żewġ toroq mnejn għad tgħaddi x-xabla tas-sultan
ta' Babilonja. It-tnejn joħorġu minn pajjiż wieħed. Naqqax sinjal f'ras it-triq li
tieħu għall-Belt.

25Ħażżeż waħda mnejn tgħaddi x-xabla għal Rabbât, il-belt ta' wlied Għammon,
u oħra għal Ġuda u Ġerusalemm f'nofsha.

26"Għax is-sultan ta' Babilonja waqaf f'salib it-toroq, f'ras żewġ toroq, biex
jistħarreġ xortih; hu ħallat il-vleġeġ, stħarreġ it-terafim, stħarreġ il-fwied.

27F'idu l-leminija hemm ix-xorti bl-isem, 'Ġerusalemm' biex jiftaħ fommu u
jordna l-qtil, jgħolli leħnu b'għajta ta' gwerra, iqiegħed fil-bwieb l-għodda tal-
gwerra għall-ħatt tas-swar, italla' rampa u jagħlaqha b'ħajt.

28Għal għajnejn Iżrael, dan hu kollu teħbir giddieb, billi huma għandhom il-
wegħdiet maħlufa, u dan ifakkar il-ħażen tagħhom u hekk jinqabdu.

29"Għalhekk dan jgħid Sidi l-Mulej: 'Talli intom fakkartuni fil-ħażen tagħkom
meta nkixfu dnubietkom u dehru ħtijietkom fl-għemejjel kollha tagħkom,
ladarba ftakru fihom, tinqabdu żgur fix-xibka tagħhom.

### L-umiljazzjoni tas-sultan Sedekija

30"U int, prinċep ta' Iżrael, bniedem bla ġieħ u midgħi, waslet is-siegħa tiegħek,
wasal jumek u żmien il-kastig tal-aħħar, u t-tmiem ta' żmien ħżunitek.

31"Dan jgħid Sidi l-Mulej: 'Neħħi t-turbant, aqla' l-kuruna! Li kien m'għadux li
kien! Min hu minn taħt jitgħolla, u min hu minn fuq jitniżżel!

32Ħerba, ħerba, ħerba nagħmel minnha! Hekk tibqa' sakemm jasal min għandu
dritt fuqha, u nagħtihielu.'


© 2020 Malta Bible Society.

### L-oraklu kontra l-Għammonin

33“U int, o bniedem, ħabbar u għid: ‘Hekk jgħid Sidi l-Mulej kontra wlied Għammon u l-għajb tal-alla tagħhom, u għidilhom: ‘Ix-xabla, ix-xabla nsiltet għall-qatla, illimawha biex tleħħ bħall-beraq.

34Huma u juruk viżjonijiet fiergħa, u jħabbrulek il-gideb, ix-xabla tinżel fuq għonq il-ħżiena u l-midgħajja. Wasal żmienhom, waslet is-siegħa tal-kastig tal-aħħar.

35Se terġa’ tidħol fl-għant? Fil-post fejn inħloqt, fl-art fejn tnissilt, jien nagħmel ħaqq minnek.

36Insawwab fuqek id-dagħdigħa tiegħi, nonfoħ kontrik in-nar tas-saħna tiegħi, u nerħik f’idejn nies slavaġ, nies jinqalgħu għall-qerda.

37Tkun int ikel in-nar, f’nofs pajjiżek jiġri demmek, u iżjed ħadd ma jiftakrek: għax jien, il-Mulej, tkellimt.”

## Eżekjel 22

### Id-dnubiet ta’ Ġerusalemm

1U ġietni l-kelma tal-Mulej, u qalli:

2“Int, o bniedem, trid tagħmel ħaqq, trid tagħmel ħaqq minn belt id-dmija. Mela għarrafha bil-qżiżijiet kollha tagħha.

3Għidilhom: ‘Dan jgħid Sidi l-Mulej: Ħażin għaliha l-belt li f’nofsha xxerred id-demm, għax tasal sigħetha! Taħdem allat għaliha biex tiċċappas!

4Tad-demm li int xerridt, int ħatja, u b’allatek, li int ħdimt, ittabbajt, u qarribt jiemek, u waslu fi tmiemhom sninek. Għalhekk nagħmel minnek għajb fost il-ġnus u żebliħ għall-pajjiżi kollha.

5Tal-qrib u tal-bogħod jiddieħku bik, belt it-taħwid u isem ħażin.

6Ara, il-prinċpijiet ta’ Iżrael, sa l-inqas wieħed fik, jagħmel l-almu tiegħu biex ixerred id-demm.

7Fik lill-omm u l-missier iżebilħuhom; fik lill-barrani jqarrqu bih; fik lill-iltim u l-armla jgħakksuhom.

8Kasbartu l-ħwejjeġ qaddisa tiegħi, u pprofanajtu Sibtijieti.

9Hemm fik nies li jikkalunjaw biex jiġri d-demm; nies li jmorru jieklu fuq l-għoljiet, nies li jagħmlu għemil faħxi fik.

10Fik jikxfu l-għera tal-missier, u jivvjolaw il-mara mxahhra fl-inġiesa tagħha.


© 2020 Malta Bible Society.

11Wieħed jagħmel ħwejjeġ koroh ma' mart għajru, ieħor itabba' 'l mart ibnu
b'għemil faħxi, u ieħor jivvjola 'l oħtu, bint missieru.

12Fik jieħdu r-rigali biex ixerrdu d-demm. Int ħadt l-imgħax u ż-żejjed, u qlajt
minn fuq għajrek bl-ingann, u lili nsejtni, oraklu ta' Sidi l-Mulej."

13"Arani! Inċapċap idejja għall-qligħ bl-ingann li għamilt u għad-demm li hemm
fik.

14Se żżomm sħiħ qalbek u se jkunu jifilħu idejk meta nagħmel miegħek il-
kontijiet? Jiena, il-Mulej, tkellimt, u hekk nagħmel.

15Inkeċċik għal qalb il-ġnus, u nxerrdek mal-pajjiżi, u nneħħilek il-ħmieġ kollu.

16Nerġa' nagħmlek tiegħi quddiem għajnejn il-ġnus, u tkun taf li jien il-Mulej."

### Il-kastig wasal

17U ġietni l-kelma tal-Mulej, u qalli:

18"O bniedem, dar Iżrael saret kollha karfa: ram, stann, ħadid, u ċomb ġo forġa,
karfa tal-fidda saru.

19Għalhekk dan jgħid Sidi l-Mulej: 'Talli lkoll saru karfa, arani, se niġborhom
f'Ġerusalemm;

20u bħalma jiġbru l-fidda, ir-ram, il-ħadid, iċ-ċomb u l-istann fil-forġa, jonfħu
fuqhom in-nar u jdewbu kollox, hekk niġborkom fil-qilla u s-saħna tiegħi;
nixħetkom hemm u ndewwibkom.

21Niġborkom u nonfoħ fuqkom in-nar tas-saħna tiegħi u ndewwibkom
f'Ġerusalemm.

22Bħalma jdewbu l-fidda fil-forġa, hekk indewwibkom f'nofsha u tkunu tafu li
jien, il-Mulej, żfugajt għadbi fuqkom.' "

### Il-kundanna tal-poplu u l-kapijiet

23U ġietni l-kelma tal-Mulej u qalli:

24"O bniedem, għidilha: 'Int art li x-xita ma ħaslithiex u lanqas ixxarrbet f'jum it-
tempesta.

25Fiha prinċpijietha, bħal iljun jgħajjat u jaħtaf il-priża, jibilgħu n-nies u jaħtfu l-
priża, jibilgħu n-nies u jaħtfu l-ġid u l-għana, u ġo fiha jkattru r-romol.

26"Il-qassisin tagħha kisru l-liġi tiegħi, u pprofanaw il-ħwejjeġ qaddisa tiegħi;
bejn qaddis u profan m'għażlux, u m'għallmux in-nies jagħżlu bejn dak li hu
mniġġes u dak li hu nadif; għalqu għajnejhom għal Sibtijieti, u kont imkasbar
f'nofshom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

27“Il-kapijiet f’nofsha bħal ilpup jaħtfu l-priża, ixerrdu d-demm, jeqirdu n-nies,
biex jagħmlu l-qligħ diżonest.

28“Il-profeti tagħha jkaħħluhom bil-ħamrija; jaraw ix-xejn, u jħabbrulhom il-
gideb u jgħidulhom: ‘Dan jgħid Sidi l-Mulej’, meta l-Mulej ma jkun tkellem xejn.

29Il-poplu tal-pajjiż ħaqruh u serquh, l-imsejken u l-fqir għakksuhom, u l-barrani
ħaqruh bla raġun ta’ xejn.

30“Fittixt f’nofshom bniedem, kapaċi jsewwi l-ħajt u joqgħod fis-selħa quddiemi
u jiddefendi l-pajjiż, ħalli jien ma nagħmlux ħerba. Imma ma sibtx.

31Jien niżfoga fuqhom id-dagħdigħa tiegħi; bin-nar tas-saħna tiegħi nġibhom fix-
xejn; nixħet fuq rashom il-piż ta’ mġibthom, oraklu ta’ Sidi l-Mulej!”

# Eżekjel 23

### Iż-żewġt aħwa żienja: Oħola, Samarija, u Oħoliba, Ġerusalemm

1U ġietni l-kelma tal-Mulej, u qalli:

2“O bniedem, kien hemm żewġ nisa mill-istess omm.

3It-tnejn f’żgħożithom żnew fl-Eġittu. Hemm kienu jteftfulhom f’sidirhom u
jagħfsulhom ħobb xbubithom.

4Kien jisimhom: Oħola, il-kbira, u Oħoliba, oħtha. Saru n-nisa tiegħi u wilduli
subien u bniet. Isimhom: Oħola hi Samarija; Oħoliba Ġerusalemm.

### Id-dnub ta’ Oħola: Samarija

5“U Oħola żniet meta kienet għadha marti, u ntilfet għal wara ħbiebha, l-Assiri,

6gwerrieri lebsin il-vjola, gvernaturi, u uffiċjali, kollha żgħażagħ fihom għaxqa,
rikkieba jirkbu ż-żwiemel.

7U ħliet iż-żina tagħha fuqhom, l-aħjar fost l-Assiri, u ċċappset bl-idoli kollha ta’
dawk li ġġennet għal warajhom.

8Lanqas m’abbandunat iż-żina tagħha tal-Eġittu; hemm l-Eġizzjani kienu jorqdu
magħha f’żgħożitha u hemm kienu jagħfsulha ħobb xbubitha u jsawbu fuqha ż-
żina tagħhom.

9“Għalhekk jien erħejtha f’idejn ħbiebha, f’idejn ulied l-Assirja, li ntilfet
warajhom.

10Dawn, wara li kixfulha għawarha, qabdulha ’l uliedha, il-bniet u s-subien
tagħha, u lilha għaddewha minn xifer ix-xabla. U ġiet f’ilsien in-nisa, u għamlu
ħaqq minnha.

### Id-dnub ta’ Oħoliba: Ġerusalemm


© 2020 Malta Bible Society.

11“Oħtha, Oħoliba, rat dan kollu, imma tbellhet aktar minnha, u ż-żina tagħha għadda ż-żina ta’ oħtha.

12Iġġennet għal wara ulied l-Assirja; gvernaturi, uffiċjali u gwerrieri lebsin il-vjola. Rikkieba jirkbu ż-żwiemel, kollha żgħażagħ fihom għaxqa.

13Jien rajt li hi wkoll tniġġset; it-tnejn qabdu l-istess triq.

14“U kompliet tiżni. Rat imbagħad irġiel imnaqqxin fil-ħajt, xbihat tal-Kaldin maqlugħin bin-nogħra;

15ġenbejhom imħażżmin bi ħżiem, bit-turbanti bil-pendenti f’rashom, mad-daqqa t’għajn donnhom kollha uffiċjali, xbihat ta’ wlied Babilonja, il-Kaldija, art twelidhom.

16U malli għajnejha marru fuqhom xegħlet għalihom; u bagħtet għandhom messaġġiera fil-Kaldija.

17“U wlied Babilonja ġew għandha għal friex l-imħabba u ċappsuha biż-żina tagħhom. Tniġġset magħhom sakemm ma ddardritx minnhom.

18“Meta hi wriet iż-żina tagħha u kixfet għawarha, jien stmellejtha bħalma kont stmellejt lil oħtha.

19Imma hi kompliet tkattar iż-żina tagħha, kompliet tiżni fuq li tiżni, meta ftakret fi żmien żgħożitha kemm kienet tiżni fl-art tal-Eġittu.

20Xegħlet għall-irġiel żienja, li laħamhom laħam il-ħmir, u tixridhom tixrid iż-żwiemel.

21Int erġajt lura għall-ħażen ta’ żgħożitek meta l-Eġizzjani kienu jteftfulek f’sidrek u jagħfsulek ħobb xbubitek.”

### Il-kastig ta’ Oħoliba: Ġerusalemm

22“Għalhekk, Oħoliba, dan jgħid Sidi l-Mulej: ‘Arani, inxewwex kontrik lil ħbiebek li ġġennu għalik, u issa int stmellejthom, u nġibhom fuqek mill-inħawi ta’ madwarek.

23Ulied Babilonja u l-Kaldin kollha, Pekod, Sugħa, u Kugħa, u wlied l-Assiri magħhom, żgħażagħ fihom għaxqa, gvernaturi u uffiċjali, gwerriera ta’ ħila u msemmija, ilkoll rikkieba jirkbu ż-żwiemel.

24U jiġu għalik mit-Tramuntana bl-armi, karrijiet, vetturi, b’kotra ta’ popli bit-tarki, kbar u żgħar, u elmijiet, irossu fuqek minn kull naħa, u jien inħalli l-ħaqq f’idejhom, u jagħmlu ħaqq minnek skont drawwiethom.

25U jien niżfoga l-għira tiegħi fuqek. Jittrattawk f’qillthom, iqaċċtulek imnieħrek u widnejk; u dak li jifdal minnek iqattgħuh bix-xabla. Is-subien u l-bniet tiegħek jeħduhomlok, u dak li jifdal minnek jikkunsmah in-nar.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

26Ineżżgħuk minn ħwejġek u jeħdulek il-ġawhar sabiħ tiegħek.

27Ineħħulek minn fuqek l-għemil faħxi u ż-żina tiegħek fl-art tal-Eġittu; ma terfax aktar għajnejk lejhom, u l-Eġittu ma tiftakarx fih aktar.'

28"Għax dan jgħid Sidi l-Mulej: Arani, se nerħik f'idejn dawk li int tobgħod, dawk li int stmellejt.

29U jagħmlu minnek skont il-mibegħda tagħhom, jeħdulek ġidek u jħalluk imneżżgħa għarwiena, u jinkixef għawar iż-żina tiegħek u l-faħx ta' għemilek,

30Jagħmlulek dan kollu għax int żnejt mal-ġnus, u ċċappast bl-allat tagħhom.

31Triq waħda ma' oħtok qbadt, u għalhekk nagħtik kusha f'idejk."

32Dan jgħid Sidi l-Mulej: "Kus oħtok tixrob, kus fond u wiesa', mimli żufjett u żebliħ aktar milli jesa'.

33Tintilef fis-sakra u l-għali, kus mimli tkexkix u twerwir, il-kus ta' oħtok Samarija.

34U int tixorbu u tqaxqxu, sax-xaqquf tiegħu tgerrem u tqatta' sidrek, għax jien tkellimt, oraklu tal-Mulej."

35Għalhekk dan jgħid Sidi l-Mulej: "Talli inti nsejtni u tfajtni wara dahrek issa jkollok iġġorr il-piż tal-faħx u ż-żina tiegħek."

### Il-kastig ta' Oħola u Oħoliba

36Imbagħad il-Mulej qalli: "O bniedem, trid int tagħmel ħaqq minn Oħola u Oħoliba? Mela għarrafhom bi qżiżijiethom.

37It-tnejn adulteri u hemm id-demm f'idejhom; waqgħu fl-adulterju ma' allathom, u waslu biex għaddewlhom min-nar lil uliedhom, li wilduli, biex jikluhom.

38U dan ukoll għamluli: fl-istess żmien tebbgħuli s-santwarju tiegħi u pprofanaw Sibtijieti.

39Dakinhar li kienu joqtlu lil uliedhom lil allathom, kienu jidħlu fit-tempju tiegħi u jżebilħuh; u dan kienu jagħmluh f'dari stess!

40U aktar, kienu jibagħtu għall-irġiel ġejjin mill-bogħod; kienu jibagħtulhom messaġġiera, u huma kienu jiġu! Għalihom int kont tinħasel, kont tiżbogħ għajnejk koħol, u tilbes il-ġawhar.

41Kont tinxteħet fuq divan lussuż, u fuq mejda rranġata quddiemek poġġejt żejti u l-fwejjaħ tiegħi.

42U kien instama' għandha għajjat ta' għagħa u ferħ, u mal-irġiel mill-bliet kien hemm ukoll is-Sabijin ġejjin mid-deżert. Dawn qiegħdu brazzuletti f'idejn iż-żewġt aħwa, u kuruna sabiħa tlellex fuq rashom.


© 2020 Malta Bible Society.

[43]U jiena għedt: Ah, mara mkissra fl-adulterji! Issa żgur li jiżnu magħha, tkompli tiżni magħhom hi fost kulħadd!

[44]Kienu jidħlu għandha bħalma jidħlu għand mara żienja; hekk kienu jidħlu għand Oħola u għand Oħoliba, it-tnejn nisa faħxija.

[45]Imma l-irġiel sewwa għad jagħmlu ħaqq minnhom, il-ħaqq ta' nisa adulteri, il-ħaqq ta' nisa li xerrdu d-demm, għax huma adulteri t-tnejn u idejhom iċarċru d-demm!"

[46]Għax dan jgħid Sidi l-Mulej: "Ha titla' folla nies għalihom u jabbandunawhom għat-twerwir u s-serq;

[47]ħa jħaġġruhom u jbiċċruhom bix-xwabel tagħhom, joqtlulhom is-subien u l-bniet tagħhom, u djarhom jagħtuhom in-nar.

[48]U hekk inneħħi l-faħx mill-pajjiż u n-nisa kollha jieħdu t-tagħlima u ma jkomplux bil-ħażen faħxi tagħhom.

[49]Iroddulkom l-għemil faħxi tagħkom u titgħabbew bid-dnub tal-idolatrija tagħkom, ħalli tkunu tafu li jien is-Sid, jien il-Mulej!"

## Eżekjel 24

### L-allegorija tal-borma tagħli

[1]Fid-disa' sena, fl-għaxra tal-għaxar xahar, ġietni l-kelma tal-Mulej u qalli:

[2]"O bniedem, niżżel l-isem ta' dan il-jum għax sewwasew bħal-lum, f'dan il-jum stess, is-sultan ta' Babilonja ħabat għal Ġerusalemm.

[3]"Fasslilhom tixbiha lil din ir-razza rashom iebsa, u għidilhom: 'Dan jgħid Sidi l-Mulej: Qiegħed il-borma, qegħedha; sawwab fiha wkoll l-ilma;

[4]itfa' fiha bċejjeċ tal-laħam, l-aħjar bċejjeċ: il-koxxa u l-ispalla, imlieha bl-aħjar għadam.

[5]Hu mill-aħjar tal-merħla, ixħet il-ħatab taħtha. Halliha tagħli, tbaqbaq sakemm jissajjar l-għadam fiha."

[6]Għalhekk dan jgħid Sidi l-Mulej: "Gwaj għal belt id-dmija, borma msadda b'sadid ma jinqalax. Oħroġhom biċċa biċċa, bla ma titfa' x-xorti għalihom.

[7]Għax id-demm li xerrdet għadu f'nofsha; ħallietu fuq blat għeri; ma sawbitux fl-art biex tgħattih bit-trab.

[8]Biex tixgħel il-qilla tiegħi, u nkun nista' nitħallas, ħallejtha xxerred demmha fuq il-blat għeri bla ma għattietu."

[9]Għalhekk dan jgħid Sidi l-Mulej: "Gwaj għal belt id-dmija! Jiena wkoll inżid il-ħatab!


© 2020 Malta Bible Society.

10Żid il-ħatab, kebbes in-nar, sajjar sewwa l-laħam, nixxef il-meraq, ħa jinħaraq l-għadam.

11Qegħedha mbagħad vojta fuq il-ġamar ħa tisħon, u jinkewa r-ram tagħha, u ddub l-inġiesa fiha, u jintemm is-sadid tagħha.

12"Taħbit li jkiddek! Is-sadid fond tagħha lanqas bin-nar ma jmur.

13"L-inġiesa tiegħek tassew faħxija! Talli jien ridt innaddfek u int ma tnaddaftx mill-inġiesa tiegħek, għalhekk issa ma titnaddaf qatt mill-inġiesa tiegħek sakemm ma nkunx żfugajt fuqek is-saħna tiegħi.

14"Jiena, il-Mulej, tkellimt, u li għedt għad iseħħ, nagħmlu jien. Ma nerġax lura, ma nħennx u ma nagħdirx. Nagħmel ħaqq minnek skont imġibtek u għemilek, oraklu ta' Sidi l-Mulej."

### Il-mewt ta' mart Eżekjel

15Ġietni l-kelma tal-Mulej, u qalli:

16"O bniedem, arani minnufih se neħodlok l-għaxqa ta' għajnejk; issa int toqgħodx tnewwaħ jew tibki, u xxerridx dmugħ.

17Rażżan it-tnehid tiegħek u tagħmilx vistu għall-mejtin. Orbot it-turbant fuq rasek, u xidd il-qorq f'riġlejk; tgħattix ilħitek u tikolx ħobż il-vistu."

18Filgħodu mort inkellem lill-poplu u filgħaxija mititli marti. Imbagħad l-għada filgħodu għamilt kif qalli l-Mulej.

19U n-nies qaluli: "Ladarba qiegħed iġġib ruħek hekk, għax ma tgħidilniex xi jfissru dawn il-ħwejjeġ?"

20U jien weġibthom: "Il-Mulej kellimni u qalli: 'Għid lil dar Iżrael:

21Dan jgħid Sidi l-Mulej: Araw, se nipprofana s-santwarju tiegħi, il-glorja tal-qawwa tagħkom, l-għaxqa ta' għajnejkom, u l-għożża ta' qalbkom; u wliedkom, subien u bniet, li intom ħallejtu, imutu bix-xabla;

22u intom tagħmlu kif għamilt jien; la tgħattu lħitkom u lanqas tieklu ħobż il-vistu,

23ikollkom it-turbanti fuq raskom u l-qrieq f'riġlejkom, ma toqogħdux tnewħu, imma tinfnew fi ħżunitkom u tokorbu bejnietkom.

24U Eżekjel ikun għalikom sinjal, għax kulma għamel hu għad tagħmluh intom ukoll: meta jiġri dan, imbagħad tagħrfu li jien il-Mulej.' "

### Il-qerda ta' Ġerusalemm

25"U int, o bniedem, dakinhar li jien neħdilhom il-fortizza tagħhom, il-ferħ u l-glorja tagħhom, l-għaxqa ta' għajnejhom, l-għożża ta' qalbhom, 'l uliedhom, subien u bniet,


© 2020 Malta Bible Society.

26dakinhar jiġik bniedem maħrub biex jagħtik l-aħbar.

27Dakinhar jinfetaħ fommok mal-wasla tal-maħrub, u titkellem, u ma tibqax aktar imbikkem, u tkun għalihom sinjal, u jkunu jafu li jien il-Mulej."

# Eżekjel 25

### L-orakli kontra l-ġnus pagani: oraklu kontra Għammon

1U ġietni l-kelma tal-Mulej, u qalli:

2"O bniedem, dawwar wiċċek lejn Għammon, u ħabbar kontrihom:

3Għid lil ulied Għammon: 'Isimgħu l-kelma ta' Sidi l-Mulej: Dan jgħid Sidi l-Mulej: Talli int għajjatt ferħan: Ah! Ah! meta tkasbar is-santwarju tiegħi, meta tħarbat il-pajjiż ta' Iżrael, meta dar Ġuda marru fl-eżilju, arani,

4għal dan kollu, se nerħik f'idejn in-nies tal-Lvant. Itellgħu fik il-kampijiet tagħhom, iwaqqfu l-għerejjex tagħhom, jieklu l-frott tiegħek, u jixorbu ħalibek.

5Nagħmel minn Rabba mergħa għall-iġmla, mill-irħula tal-Għammonin mandra għall-imrieħel, u tkunu tafu li jien il-Mulej.

6"Għax dan jgħid Sidi l-Mulej: Talli int ċapċapt idejk u ħabbatt saqajk u fraħt mill-ħdura ta' qalbek għax-xorti ta' art Iżrael,

7arani, se mmidd idi għal fuqek u nagħmlek priża għall-ġnus u naqilgħek minn fost il-popli; u neqirdek minn fost il-pajjiżi u nagħmel minnek ħerba, ħalli tkun taf li jien il-Mulej.

### Oraklu kontra Mowab

8"Dan jgħid Sidi l-Mulej: Talli Mowab u Xegħir qalu: 'Araw, id-dar ta' Ġuda bħall-bqija tal-ġnus,' arani, għalhekk,

9se niftaħ in-naħa muntanjuża ta' Mowab u nġarraf blietha minn tarf għal ieħor, il-ġmiel ta' artu: Betġesimot, Bagħal-megħon, Kirjatajm.

10Nerħiha f'idejn in-nies tal-Lvant, bħalma rħejt lil ulied Għammon, ħalli ma tissemmiex aktar fost il-ġnus.

11Hekk nagħmel ħaqq minn Mowab, u jkunu jafu li jien il-Mulej.

### Oraklu kontra Edom

12"Dan jgħid Sidi l-Mulej: Talli għamel Edom u vvendika ruħu minn dar Ġuda, u saru ħatja talli tħallsu b'idejhom minnhom,

13għalhekk dan jgħid Sidi l-Mulej: immidd idi fuq Edom u neqridlu n-nies u l-bhejjem u nagħmel minnu ħerba; minn Teman sa Dedan, jaqgħu taħt ix-xabla.


© 2020 Malta Bible Society.

14Permezz tal-poplu tiegħi Iżrael nitħallas minn Edom u jagħmlu minn Edom skont għadbi u s-saħna tiegħi. Ikunu jafu li l-vendetta tiegħi, oraklu ta' Sidi l-Mulej.

### Oraklu kontra l-Filistin

15"Dan jgħid Sidi l-Mulej: Talli għamlu l-Filistin u vvendikaw ruħhom skont il-ħdura ta' qalbhom, biex jeqirduhom minħabba l-mibegħda minn żmien il-qedem,

16għalhekk dan jgħid Sidi l-Mulej: Arani, se mmidd idi fuq il-Filistin, u neqred il-Keretin, u nġib fix-xejn il-bqija li joqogħdu f'xatt il-baħar.

17Nivvendika ruħi minnhom bil-kbir u nikkastigahom bl-aħrax, u meta nitħallas minnhom ikunu jafu li jien il-Mulej."

## Eżekjel 26

### Oraklu kontra l-Feniċi

1Fil-ħdax-il sena, fl-ewwel tax-xahar, ġietni l-kelma tal-Mulej, u qalli:

2"O bniedem, talli Tir qalet għal Ġerusalemm: 'Ah! Ah! Tfarrak il-bieb tal-fortizza, għal għandi jdur il-ġid tal-belt imħarbta,'

3għalhekk dan jgħid Sidi l-Mulej: Arani, kontrik ja Tir: intella' għalik kotra ta' popli bħalma l-baħar itella' l-mewġ.

4U jġarrfu s-swar ta' Tir, u jħottu t-torrijiet tagħha. Niknes minnha t-terrapien tagħha, u nagħmilha blata għerja.

5Tkun mifrex għax-xbiek f'nofs ta' baħar, għax jien tkellimt, oraklu ta' Sidi l-Mulej. Tkun priża għall-ġnus;

6u bnietha fir-raba' jgħadduhomlha minn xifer ix-xabla, u jkun jafu li jien il-Mulej."

7Għax dan jgħid Sidi l-Mulej: "Arani, se nġib mit-Tramuntana għal Tir lil Nabukodonosor, is-sultan ta' Babilonja, Sultan fuq is-slaten, biż-żwiemel u l-karrijiet, bil-kavallerija u l-eżerċtu, u b'qatgħa ta' poplu kbira.

8Bnietek fir-raba' jgħaddihomlok minn xifer ix-xabla. Jibnilek ħajt madwarek, u jtella' kontrik rampa, u jgħolli saqaf ta' tarki għal fuqek.

9U jdawwar id-daqqiet tal-magni tiegħu għal fuq swarek u jġarraflek il-fortizza bl-imnanar tiegħu.

10Tgħattik l-għabra tal-kotra taż-żwiemel tiegħu; bil-ħsejjes tal-kavallerija, tar-roti u l-karrijiet; jitriegħdu swarek, meta huwa jidħol minn bwiebek, bħal wieħed dieħel f'belt b'ħitanha mċarrta.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

11Bi dwiefer iż-żwiemel jgħaddi, jikkalpestalek triqatek; lil niesek jgħaddihomlok minn xifer ix-xabla, u l-kolonni qawwija tiegħek iwittilek mal-art.

12Ġidek jagħmluh priża, u l-merkanzija jisirquhielek; iġarrfulek ħitanek, u jeqirdulek id-djar sbieħ tiegħek, il-ġebel tiegħek, l-injam u t-trab tiegħek, iwaddbuhomlok f'nofs ta' baħar.

13Insikket l-għagħa tal-għana tiegħek; u d-daqq tal-arpi tiegħek ma jinstemax aktar.

14Nagħmel minnek blata għerja; tkun mifrex għax-xbiek. Ma tinbena qatt iżjed, għax jien, il-Mulej, tkellimt," oraklu ta' Sidi l-Mulej.

### Lamentazzjoni fuq il-prinċpijiet tal-baħar

15Dan jgħid Sidi l-Mulej lil Tir: "Kif għad jitriegħdu l-gżejjer mal-ħoss ta' waqagħtek, meta l-midruba jgħajtu, meta ssir l-istraġi f'nofsok!

16Il-prinċpijiet tal-baħar kollha għad jinżlu mit-tron tagħhom, ineħħu l-imnatar u l-ilbies tal-brukkat tagħhom. Jilbsu l-vistu, jinżlu bilqiegħda fl-art, jitkexkxu l-ħin kollu u jibqgħu skantati bik.

17"Imbagħad jgħannu għanja ta' biki għalik u jgħidulek: 'Kif ġejt fix-xejn int, għebt mill-baħar! Il-belt famuża, l-aqwa fuq l-ibħra, hi u n-nies tagħha, li kienu jbeżżgħu n-nies kollha, li jgħammru mal-baħar.

18Issa jitriegħdu l-gżejjer f'jiem il-waqgħa tiegħek; jitbellhu l-gżejjer fil-baħar bl-għejbien tiegħek.' "

19Għax dan jgħid Sidi l-Mulej: "Meta jiena nkun għamilt minnek belt imħarbta bħall-ibliet bla wens; meta nkun tellajt għalik il-baħar u għattewk ħalel kbar ta' ilma,

20imbagħad inniżżlek fil-qabar ħdejn dawk li diġà niżlu qablek għand poplu ta' żmien ilu. Inġagħlek tgħammar f'qiegħ l-art, fost il-ħerbiet ta' darba, ma' oħrajn li diġà niżlu fil-qabar, biex qatt iżjed ma jgħammru fik, u int ma terġax lura f'art il-ħajjin.

21Jien nagħmel waħx minnek, ifittxuk u ma jsibuk qatt iżjed," oraklu ta' Sidi l-Mulej.

## Eżekjel 27

### L-allegorija tal-ġifen: Tir

1U ġietni l-kelma tal-Mulej u qalli:

2"Inti, o bniedem, għanni għanja ta' biki għal Tir.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

3Għid lil Tir, sultana fuq dħul il-baħar, neguzjanta tal-popli f'ħafna gżejjer, dan
jgħid Sidi l-Mulej; Tir, int għedt: 'Jiena ġifen ta' ġmiel bla qjies!'

4F'nofs l-ibħra trufijietek, il-bennejja tiegħek fawruk bi ġmielek;

5biċ-ċipress minn Xenir ħadmulek it-tavlar. Miċ-ċedru tal-Libanu ħadu biex
jagħmlulek l-arblu.

6Mill-ballut ta' Basan għamlulek l-imqadef. Il-gverta għamluhielek miċ-ċipress
mill-gżejjer tal-Kittin, intarsjata bl-avorju.

7Għażel irrakkmat mill-Eġittu kien il-qlugħ tiegħek, u kien iservi ta' bandiera;
porpra u skarlatt minn xtut Elisa kienet it-tinda tiegħek.

8Ta' Sidon u ta' Arwad kienu l-qaddiefa tiegħek; u l-bdoti tiegħek nies imħarrġa
minn Semer.

9Ix-xjuħ ta' Gebal u n-nies imħarrġa tagħha kienu l-qlafat ta' xquqek.

### Il-kummerċ tal-Feniċi

"L-iġfien kollha tal-baħar u l-baħħara kienu jiġu għandek ipartu l-merkanzija
tiegħek.

10Paras, Lud u Put kienu fl-eżerċtu tiegħek, nies gwerriera; it-tarka u l-elmu
dendlu miegħek, u komplew żidulek ġmielek.

11"In-nies ta' Arwad u ta' Halek kienu fuq id-dawra tas-swar tiegħek, u l-
Gammedin fuq it-torrijiet; u tarkiethom dendluhom ma' swarek dawramejt, u
komplew żidulek ġmiel fuq ġmiel.

12"Tarsis kienet tinnegozja miegħek, minħabba l-ġid kbir li kellek; kienu jpartu
l-fidda, il-ħadid, il-landa, u ċ-ċomb mal-merkanzija tiegħek.

13"Kienu jinneguzjaw miegħek Ġawan, Tubal u Mesek: kienu jpartu l-ilsiera u l-
ħwejjeġ tal-bronż mal-merkanzija tiegħek.

14"In-nies ta' Bet-togarma kienu jpartu żwiemel tat-tagħbija, żwiemel tal-ġiri, u
bgħula mal-merkanzija tiegħek.

15"Kienu jinneguzjaw miegħek in-nies ta' Dedan. Hafna gżejjer il-kummerċ
tagħhom kien f'idejk, u kienu jħallsuk bl-injieb tal-avorju u l-ebbanu.

16"Kien jinnegozja miegħek Edom minħabba l-ħafna xogħlijiet tiegħek; kienu
jpartu miegħek il-karbunklu, il-porpra, il-brukkat, l-għażel fin, il-qroll u r-rubini
mal-merkanzija tiegħek.

17"Ġuda u art Iżrael, huma wkoll kienu jinneguzjaw miegħek il-qamħ ta' Minnit,
tin, għasel, żejt, u balzmu.

18"Damasku wkoll kien jinnegozja miegħek minħabba l-ħafna xogħlijiet tiegħek
u l-ġid kbir li kellek. Kienu jħallsuk bl-inbid ta' Helbon u s-suf ta' Saħar.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[19]U Ġawan kienu jpartu l-inbid minn Użal mal-merkanzija tiegħek; ħadid fondut,
kassja u qasab tal-fwieħa kienu jpartu miegħek.

[20]“Dedan kien ukoll jinnegozja s-sruġ għar-rkib.

[21]“L-Għarab u l-prinċpijiet ta’ Kedar huma wkoll kienu n-neguzjanti tiegħek;
kienu jinneguzjaw miegħek il-ħrief, l-imtaten u l-bdabad.

[22]“Il-merkanti ta’ Saba u Ragħma, huma wkoll kienu jinneguzjaw miegħek, u
kienu jpartu mal-merkanzija tiegħek kull xorta ta’ ħwawar mill-aħjar u ħaġar
prezzjuż u deheb.

[23]“Ħaran, Kanni u Għeden, in-neguzjanti ta’ Saba, Assur, u Kilmad kienu wkoll
jinneguzjaw miegħek;

[24]kienu jpartu fis-swieq tiegħek ilbies sabiħ, imnatar tal-propra, brukkat, twapet
minsuġin b’kuluri mżewqa, u ħbula mibrumin sewwa u b’saħħithom.

[25]“U ġ-ġfien ta’ Tarsis kienu jġorrulek il-merkanzija. U hekk stagħnejt u ssebbaħt
ħafna f’nofs ta’ baħar,

### Il-qerda ta’ Tir

[26]“Il-qaddiefa tiegħek ħarġuk f’nofs l-ibħra bejn sema u ilma, imma l-irjieħ tal-
Lvant kissruk f’nofs ta’ baħar.

[27]“Ġidek, it-tagħbija tiegħek, il-merkanzija, il-baħrin, il-bdoti, il-qlafat ta’
xquqek, in-neguzjanti ta’ ġidek, il-gwerriera tiegħek, li hemm għandek, u l-poplu
tiegħek kollu jegħrqu f’qiegħ il-baħar f’jum il-ħerba tiegħek.

[28]“Mal-ħoss tal-għajjat tal-bdoti tiegħek, tirtogħod ix-xtajta.

[29]U jinżlu minn fuq ġfienhom, kull min jaqbad il-moqdief, u jinżlu l-art il-baħrin
u l-bdoti kollha.

[30]U jsemmgħu leħenhom minħabba fik, u jgħajtu bl-imrar f’qalbhom. Jixħtu t-
trab fuq rashom, u jitmiegħku fl-irmied.

[31]Iqaxxru rashom minħabba fik, u jxiddu l-ixkejjer; jibkuk bl-imrar f’qalbhom, u
b’sogħba ta’ swied il-qalb.

[32]U jgħannulek lamentazzjoni, inewħu għalik u jgħidu: ‘Min kien bħal Tir,
meqruda f’nofs ta’ baħar?’

[33]Meta l-merkanzija tiegħek kienet toħroġ mill-ibħra, kont ixxabba’ l-ħafna popli
bil-ġid kbir tiegħek; bil-merkanzija tiegħek kont tagħni s-slaten tal-art.

[34]Issa kissrek il-baħar, u tinsab f’qiegħ l-ibħra; il-merkanzija tiegħek u l-
ekwipaġġi kollha għerqu miegħek.

[35]In-nies li jgħammru fil-gżejjer bliehu minħabba fik; u s-slaten tagħhom
tkexkxu, u nxtorob wiċċhom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

36In-neguzjanti fost il-popli bdew isaffrulek. Sirt il-waħx tad-dinja, spiċċajt għal dejjem!"

## Eżekjel 28

### Is-suppervja ta' Tir u l-qerda tagħha

1U ġietni l-kelma tal-Mulej u qalli:

2"O bniedem, għid lill-prinċep ta' Tir: Dan jgħid Sidi l-Mulej: Int tkabbart f'qalbek u għedt: 'Jien alla! Jien qiegħed fuq tron l-allat, f'nofs l-ibħra,' meta m'intix ħlief bniedem, u mhux alla; u ħsibt li għerfek hu għerf l-allat.

3Arak! int egħref minn Danjel, ebda moħba mhi mistura għalik:

4b'għerfek u b'dehnek int stagħnejt, ħżint deheb u fidda fit-teżori tiegħek.

5Bl-għerf kbir tiegħek u bil-kummerċ tiegħek kattart ġidek, u qalbek tkabbret b'dan il-ġid.

6Għalhekk dan jgħid Sidi l-Mulej: Talli ħsibt li għerfek hu għerf l-allat,

7arani, se nġib fuqek il-barranin, l-aktar nies ħorox fost il-popli, jisiltu x-xwabel tagħhom kontra ġmiel għerfek, u jżebilħulek sebħek.

8Iniżżluk fil-ħofra, u tmut il-mewta iebsa tal-midrubin f'nofs ta' baħar.

9Tibqa' tgħid imbagħad: 'Jien alla,' quddiem il-qattiela tiegħek, meta m'intix ħlief bniedem, u mhux alla, f'idejn dawk li jidorbuk?

10Int tmut il-mewt ta' nies bla ħtin, f'idejn il-barranin Għax jien tkellimt." Oraklu ta' Sidi l-Mulej.

### Il-prinċep ta' Tir

11U ġietni l-kelma tal-Mulej, u qalli:

12"O bniedem, għanni lamentazzjoni għas-sultan ta' Tir u għidlu: 'Dan jgħid Sidi l-Mulej: Int mibni kollok perfett, mimli għerf u kollok ġmiel.

13Fl-Għeden, il-ġnien ta' Alla, kont imdawwar b'kull xorta ta' ħaġar prezzjuż, sardju, topazju, djamant, krisoltu, oniċi, djaspru, żaffir, rubin, żmerald. Tad-deheb kienu l-ġlieġel tiegħek, u l-ġawhar li kellek fuqek, f'jum ħolqienek għamluhomlok.

14Lilek mal-kerubin bi ġwenħajh miftuħa, jien għamiltek għassies. Int kont fuq il-muntanja mqaddsa ta' Alla, u kont timxi f'nofs il-ħaġar tan-nar.

15Bla ħtija kont f'mixjietek sa minn ħolqienek, sakemm ma nkixifx qerqek.

16Bil-kobor tan-negozju tiegħek imtlejt bl-inġustizzja u dnibt, u jien warrabtek mill-muntanja ta' Alla, u l-kerubin għassies ħarġek minn qalb il-ġamar tan-nar.


© 2020 Malta Bible Society.

[17]Qalbek tkabbret bi ġmielek; ħassart għerfek bi tlellixek. Jien sabbattek mal-art, minħabba d-delitti tiegħek, perriċtek quddiem is-slaten biex jitpaxxew bik.

[18]Bil-kotra tal-ħażen tiegħek, bil-qerq tan-negozju tiegħek, int żeblaħt is-santwarji tiegħek. Għalhekk jien ħriġt nar minn ġo nofsok, u belgħek u għamlek irmied fuq l-art, quddiem in-nies iħarsu lejk.

[19]Kull min kien jafek minn fost il-popli baqa' skantat bik: int sirt waħx, u ma terġa' tqum qatt iżjed."

### Oraklu kontra Sidon

[20]Ġietni l-kelma tal-Mulej u qalli:

[21]"O bniedem, dawwar wiċċek lejn Sidon u ħabbrilha

[22]u għidilha: 'Dan jgħid Sidi l-Mulej: Arani, jien kontrik, Sidon, għad nissebbaħ ġo nofsok,' u jkunu jafu li jien il-Mulej, meta nagħmel ħaqq minnha u nuri qdusiti fiha.

[23]Nibagħtilha fiha l-pesta; u d-demm jiġri fi triqatha; il-midrubin jaqgħu f'nofsha, bix-xabla li taqa' fuqha minn kull naħa u jkunu jafu li jien il-Mulej."

### Ir-restawrazzjoni ta' Iżrael

[24]Ma jkunx hemm aktar għal Iżrael, la xewk li jniggeż u anqas għollieq li jwaġġa', minn fost il-ġirien li kienu jobogħduhom, u jkunu jafu li jien is-Sid, il-Mulej."

[25]Dan jgħid Sidi l-Mulej: "Meta niġbor id-dar ta' Iżrael minn qalb il-popli li fosthom xerridthom, jien nuri qdusiti fihom taħt għajnejn il-ġnus, u jgħammru fl-art li jien tajt lill-qaddej tiegħi Ġakobb.

[26]U jgħammru fiha b'moħħhom mistrieħ u jibnu d-djar, ixettlu d-dwieli, u jgħammru b'moħħhom mistrieħ meta nkun għamilt ħaqq minn għedewwiethom ta' madwarhom li kienu jistmerruhom u jkunu jaf li jien il-Mulej Alla tagħhom."

## Eżekjel 29

### Oraklu kontra l-Eġittu

[1]Fl-għaxar sena, fit-tnax tal-għaxar xahar, ġietni l-kelma tal-Mulej, u qalli:

[2]"O bniedem, dawwar wiċċek lejn il-Fargħun, sultan tal-Eġittu, u ħabbar kontrih u kontra l-Eġittu kollu.

[3]Tkellem u għid: Dan jgħid Sidi l-Mulej: Arani kontrik, ja Fargħun, sultan tal-Eġittu, il-kukkudrill il-kbir imxaħxaħ f'nofs in-Nil, li qal: 'Tiegħi n-Nil. Jien għamiltu.'

[4]Indaħħallek il-foxxni fi xdieqek, u nqabbadlek il-ħut tan-Nil ma' qxurek; intellgħek min-Nil tiegħek, u l-ħut kollu tan-Nil, imqabbad ma' qxurek.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

5U nwaddbek fid-deżert, lilek u l-ħut kollu tan-Nil tiegħek; fuq wiċċ ir-raba' taqa',
ma jiġbrukx u ma jidfnukx. Imma nħallik mitluq biex jikluk il-bhejjem tal-art, u
l-għasafar tas-sema.

6U jkun jaf kull min jgħammar fl-Eġittu li jien il-Mulej, għax int kont appoġġ tal-
qasab għad-dar ta' Iżrael.

7U meta qabduk f'idhom, int inqsamt u ċarrattilhom ilkoll idejhom; u meta
strieħu fuqek inksirt, u fekkiktilhom ilkoll ġenbejhom.

8"Għalhekk dan jgħid Sidi l-Mulej: 'Arani, se nġib fuqek ix-xabla u nqaċċat
minnek nies u bhejjem.

9U ssir l-art tal-Eġittu ħerba u xagħra, u jkunu jafu li jien il-Mulej, għax int għedt:
Tiegħi n-Nil, u jien għamiltu.

10'Għalhekk arani kontrik u n-Nil tiegħek, u nagħmel xagħra mill-art tal-Eġittu,
minn Migdol sa Suweni u sal-fruntieri ta' Kus.

11U ebda riġel ta' bniedem ma jirfes fih u ebda riġel ta' bhima ma jgħaddi minnu;
u għal erbgħin sena ma jgħammar ħadd fih.

12'Nagħmel mill-Eġittu art xagħrija f'nofs artijiet xagħrija oħra, u blietha għal
erbgħin sena jkunu ħerbiet f'nofs bliet oħra mħarbta: inxerred l-Eġizzjani f'nofs
il-ġnus u nferrixhom mal-artijiet.

13'Għax dan jgħid Sidi l-Mulej: Fi tmiem l-erbgħin sena jien niġbor l-Eġizzjani
minn fost il-ġnus li fihom kienu mxerrda.

14U nbiddlilhom xortihom, u nerġa' nġibhom fl-art ta' Patros, fl-art fejn tnisslu,
u hemm ikunu saltna ċkejkna.

15Tkun l-iċken fost is-saltniet, u ma togħliex aktar fuq is-saltniet l-oħra;
inċekkinhom biex ma jogħlewx aktar fuq il-ġnus.

16U ma jkunux aktar it-tama ta' dar Iżrael, imma tifkira ta' ħżunithom, ta' meta
kienu jduru għal għandhom. 'U hekk ikunu jafu li jien il-Mulej.' "

17Fis-sena sebgħa u għoxrin, fl-ewwel tal-ewwel xahar, ġietni l-kelma tal-Mulej
u qalli:

18"O bniedem, Nabukodonosor, sultan ta' Babilonja, ħaddem bis-sħiħ l-eżerċtu
tiegħu u għabbiehom b'xogħol iebes kontra Tir; kull ras tfartset, kull spalla saret
ġerħa waħda, u b'danakollu ma ħadu xejn minn Tir, u la hu u lanqas l-eżerċtu
tiegħu, għat-taħbit li tħabtu għalih.

19Għalhekk dan jgħid Sidi l-Mulej: "Arani, se nagħti lil Nabukodonosor, sultan ta'
Babilonja, l-art tal-Eġittu u jeħodlu l-ġid tiegħu, ineżżgħu u jagħmel priża minn
ħwejġu, u b'hekk iħallas l-eżerċtu tiegħu.


© 2020 Malta Bible Society.

[20]Għat-taħbit li tħabat kontra Tir nagħtih l-art tal-Eġittu, għax kulma għamlu, għamluh lili," oraklu ta' Sidi l-Mulej.

[21]Dakinhar innibbet qarn, bniedem qawwi, għal dar Iżrael, u lilek niftaħlek fommok f'nofshom, u jkunu jafu li jien il-Mulej."

## Eżekjel 30

### Tmiem l-Eġittu fil-qrib

[1]U ġietni l-kelma tal-Mulej u qalli:

[2]"O bniedem, ħabbar u għidilhom: Dan jgħid Sidi l-Mulej: Ibku! Jaħasra għal dakinhar!

[3]Qorob il-Jum, qorob Jum il-Mulej! Jum imsaħħab ikun waqt il-ġnus!

[4]Tasal ix-xabla fuq l-Eġittu, u jkun hemm swied il-qalb f'Kus, meta jaqgħu l-maqtulin fl-Eġittu. Jeħdulhom ġidhom, u jiġġarrfu sisienhom.

[5]Kus, u Put, u Lud, u l-Għarabja kollha, u Kub u n-nies tal-pajjiż imsieħeb miegħu jaqgħu taħt ix-xabla.

[6]Dan jgħid il-Mulej; Jaqgħu dawk li għenu lill-Eġittu, u l-kburija ta' qawwietu titniżżel; minn Migdol sa Suweni bix-xabla għad jaqgħu fih, oraklu ta' Sidi l-Mulej.

[7]"Tkun art xagħrija f'nofs artijiet xagħrija, u blietu jkunu ħerba f'nofs bliet imħarbta.

[8]"U jkunu jafu li jien il-Mulej, meta jien inkebbes nar fl-Eġittu u jitfarrku dawk kollha li jgħinuh.

[9]"Dakinhar joħorġu u jitilqu minn għandi messaġġiera ħfief biex ibeżżgħu lil Kus bla ħsieb; u dawn jaqbadhom biża' kbir f'jum l-Eġittu, għax tassew ikun wasal.

[10]"Dan jgħid Sidi l-Mulej: Jien intemm il-ġid tal-Eġittu permezz ta' Nabukodonosor, sultan ta' Babilonja.

[11]Hu u l-poplu tiegħu, l-iktar b'saħħtu fost il-ġnus, jinġiebu biex iħarbtu l-art, u jisiltu x-xwabel kontra l-Eġittu u l-pajjiż jimlewh bil-maqtulin.

[12]Mix-xmajjar nagħmel art niexfa u nbigħ il-pajjiż lin-nies qalila, inħarbat il-pajjiż b'kulma fih permezz tal-barranin. Jiena, il-Mulej, tkellimt."

[13]Dan jgħid Sidi l-Mulej: "Jien inġib fix-xejn l-allat, neqred il-kbarat minn Nof u l-prinċpijiet mill-art tal-Eġittu; u ma jkunx hemm aktar minnhom. Inqajjem il-biża' fl-art tal-Eġittu.

[14]Neqred il-Patros, Sogħan nagħtiha n-nar, u nagħmel ħaqq minn No.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[15]Insawwab għadbi fuq Sin, fortizza tal-Eġittu, u neqred il-kotra ta' No.

[16]Inqabbad in-nar fl-Eġittu, Sin titkagħweġ bl-uġigħ, u No jinfdulha ħitanha, u Nof jegħlibha f'jum wieħed.

[17]Iż-żgħażagħ ta' On u ta' Pibeset jaqgħu taħt ix-xabla, u l-ibliet stess imorru fil-jasar.

[18]F'Teħafneħes jidlam binhar meta jien inkisser hemm il-madmad tal-Eġittu, u tispiċċalu l-kburija ta' qawwietu; tgħattih sħaba, u wliedu l-bniet imorru fl-eżilju.

[19]U nagħmel ħaqq mill-Eġittu, u jkunu jafu li jien il-Mulej."

### Il-qerda tal-Fargħun

[20]U ġara li fis-sena ħdax, fl-ewwel xahar, fis-sebgħa tax-xahar, ġietni l-kelma tal-Mulej u qalli:

[21]"O bniedem, il-Fargħun, sultan tal-Eġittu, kissirtlu driegħu, u, ara, mhux infaxxat: ma dewwewhx, ma rabtuhx bil-faxex, biex jieħu saħħtu u jaqbad ix-xabla."

[22]Għalhekk dan jgħid Sidi l-Mulej: "Arani għal wara l-Fargħun, sultan tal-Eġittu, u jien inkissirlu dirgħajh it-tnejn, id-driegħ is-sħiħ u d-driegħ il-miksur, u nwaqqagħlu x-xabla minn idu.

[23]U nxerred l-Eġizzjani fost il-ġnus, u nferrixhom fl-artijiet.

[24]"Insaħħaħ dirgħajn is-sultan ta' Babilonja u nagħtih ix-xabla tiegħu f'idu u nkisser dirgħajn il-Fargħun u dan jaqa' midrub u jokrob quddiemu.

[25]Jien insaħħaħ dirgħajn is-sultan ta' Babilonja, u dirgħajn il-Fargħun jintelqu. Ħa jkunu jafu li jien il-Mulej, meta nagħti x-xabla tiegħi f'id is-sultan ta' Babilonja, u jvenvinha fuq l-art tal-Eġittu.

[26]"U jien inxerred l-Eġizzjani fost il-ġnus, u nferrixhom fl-artijiet kollha, u jkunu jafu li jien il-Mulej."

## Eżekjel 31

### L-allegorija taċ-ċedru tal-Libanu

[1]Ġara li fis-sena ħdax, fl-ewwel tat-tielet xahar, ġietni l-kelma tal-Mulej, u qalli:

[2]O bniedem, għid lill-Fargħun, is-sultan tal-Eġittu, u l-kotra ta' niesu: Lil min tixbah int bi kburitek?

[3]"Ara, l-Assirja, bħaċ-ċedru tal-Libanu, bil-friegħi sbieħ, u b'dell mifrux, wieqaf fil-għoli u sa bejn is-sħab tlaħħaq il-quċċata tiegħu.


© 2020 Malta Bible Society.

4 L-ilma kabbru, u rawmuh l-ilmijiet tal-qiegħ, li ġrew fl-imġieri tagħhom fejn kien miżrugħ, u medd is-swieqi tiegħu lejn is-siġar kollha tar-raba'.

5 Għalhekk kiber u għola 'l fuq minn kull siġra tar-raba', u kotru r-rimjiet tiegħu, u nfirxu l-friegħi tiegħu, minħabba l-gliegel tal-ilma, meta kien qed jikber.

6 Fi frigħetu bejtu t-tjur kollha tal-ajru, u taħt il-friegħi tiegħu wildu l-bhejjem tar-raba', u taħt dellu għammret kotra ta' nies minn kull ġens.

7 Kiber u sbieħ fil-medda tal-friegħi tiegħu, għax kienu għeruqu mxenxla fl-ilma kotran.

8 Ma kien hemm ebda ċedru bħalu fi ġnien Alla; ebda ċipress ma kien ilaħħaq miegħu fi frigħetu; ebda siġra tal-platanu ma kienet daqsu fi frigħetha; ebda siġra fi ġnien Alla ma kienet tlaħħaq miegħu fi ġmielha.

9 Jien sebbaħtu bil-kotra ta' frigħetu, u għeru għalih is-siġar kollha tal-Għeden, li kienu fi ġnien Alla.

### Il-waqgħa tal-Eġittu

10 "Għalhekk dan jgħid Sidi l-Mulej: 'Talli għola f'tulu, u rafa' rasu sa ġos-sħab, u talli qalbu tkabbret bl-għoli tiegħu,

11 jiena rħejtu f'idejn l-aqwa fost il-ġnus ħalli jagħmillu skont ħżunitu.

12 Qaċċtuh il-barranin, popli mill-eħrex fost il-ġnus, u waddbuh fuq l-għoljiet, u frigħetu twaqqgħu mal-widien kollha, u ż-żraġen tiegħu tkissru fil-ħniedaq kollha tal-art, u ħarbu l-ġnus kollha minn taħt dellu u telquh.

13 Fuq il-ħerba tiegħu tistrieħ kull tajra tal-ajru, fuq frigħetu toqgħod kull bhima tar-raba',

14 biex ma tikber ebda siġra ħdejn l-ilma, u togħla u terfa' rasha fis-sħab, u ebda xitla ħdejn l-ilma ma togħla daqshom, għaliex kollha mitluqin għall-mewt għal taħt l-art, f'nofs il-bnedmin, fost dawk li jinżlu fil-ħofra."

15 Dan jgħid Sidi l-Mulej: "Fil-jum li fih niżel Art l-Imwiet, ġagħalt l-Abbiss jitbekka għalih; żammejt ix-xmajjar tiegħu u ntemmu l-gliegel tal-ilma; minħabba fih libbistu bil-vistu l-Libanu u dbielu s-siġar kollha tar-raba' minħabba fih.

16 Triegħxu l-ġnus mal-waqgħa tiegħu, meta niżżiltu Art l-Imwiet, ma' dawk li niżlu fil-qabar. Tfarrġu fid-dinja ta' taħt is-siġar kollha tal-Għeden, l-aħjar u l-isbaħ siġar tal-Libanu, imsoqqija bl-ilma.

17 U wkoll dawk li kellu miegħu niżlu Art l-Imwiet fost il-maqtulin bix-xabla; u dawk li kienu jgħinuh u jgħammru taħt dellu f'nofs il-ġnus jinqerdu miegħu.

18 "Lil min tixbah fi ġmielek u l-kobor tiegħek fost is-siġar tal-Għeden? Imma int titniżżel f'qiegħ l-art mas-siġar tal-Għeden, u f'nofs in-nies bla ħtin timtedd

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

flimkien mal-meqrudin bix-xabla. "Dan hu l-Fargħun u l-kotra ta' niesu." Oraklu ta' Sidi l-Mulej.

# Eżekjel 32

### Lamentazzjoni għall-waqgħa tal-Fargħun

1U ġara li fis-sena tnax, fl-ewwel tat-tnax-il xahar, ġietni l-kelma tal-Mulej, u qalli:

2"O bniedem, għanni lamentazzjoni għall-Fargħun, sultan tal-Eġittu, u għidlu: Int tistħajlek iljun fost il-ġnus, imma int bħall-kukkudrill fl-ibħra, u terfa' rasek minn ġox-xmajjar, u tħawwad l-ilma b'riġlejk, u ddardar ix-xmajjar tiegħek.

3Dan jgħid Sidi l-Mulej: Jien nifrex fuqek ix-xbiek tiegħi, b'kotra kbira ta' ġnus, u jtellgħuk bi xbieki.

4U mmiddek mal-art, fuq wiċċ ir-raba' nonxrok. U nserraħ fuqek it-tajr kollu tas-smewwiet, u bik inxabba' l-bhejjem kollha tal-art.

5U laħmek inperrċu fuq l-għoljiet, u l-widien nimla b'ġismek mejjet.

6U nsaqqi bit-tnixxija ta' demmek l-art sa fuq il-muntanji, u jimtlew il-ħniedaq bik.

7Meta int tintemm jien ngħatti s-smewwiet, u ndallam il-kwiekeb tagħhom; ix-xemx nostorha bi sħaba, u l-qamar ma jitfax dawl.

8Kulma jiddi fis-sema u jarmi d-dawl, indallmu minħabba fik. U nixħet id-dlam fuq l-art, oraklu ta' Sidi l-Mulej.

9"Inkexkex il-qalb ta' ħafna popli meta nġibek imjassar fost il-ġnus, f'artijiet li ma tafhomx.

10Inbellah kotra ġnus bil-biża' minħabba fik u s-slaten tagħhom jitkexkxu minħabba fik, meta jien invenven quddiemhom ix-xabla tiegħi; u jitriegħdu bla heda, kull wieħed għal ħajtu, f'jum tiġrifek.

11"Għax dan jgħid Sidi l-Mulej: Ix-xabla tas-sultan ta' Babilonja għad tilħqek!

12Inxewlaħ mal-art il-kotra tiegħek bix-xwabel tal-qalbenin, l-eħrex fost kollha kemm huma l-ġnus. U jeqirdu l-glorja tal-Eġittu, u jġibu fix-xejn il-kotra ta' niesu.

13Intemm fix-xejn il-bhejjem tiegħu kollha mill-ilmijiet kotrana: ebda riġel ta' bniedem ma jdardarhom aktar, u lanqas difer ta' bhima ma jħawwadhom.

14Imbagħad insaffi ilmijiethom, u x-xmajjar tagħhom bħaż-żejt inġerrihom, oraklu ta' Sidi l-Mulej.

15"Meta jiena nagħmel ħerba mill-art tal-Eġittu, u l-pajjiż jitħarbat minn kulma fih; meta nolqot 'il kull min jgħammar fih, imbagħad jagħrfu li jien il-Mulej.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

16“Din hi lamentazzjoni li għad jgħannu: jgħannuha l-bniet tal-ġnus, fuq l-Eġittu u l-kotra ta’ niesu,” oraklu ta’ Sidi l-Mulej.

### Lamentazzjoni fuq l-Eġittu

17Ġara li fit-tnax-il sena, fl-ewwel xahar, fil-ħmistax tax-xahar, ġietni l-kelma tal-Mulej, u qalli:

18“O bniedem, għanni lamentazzjoni għall-kotra tal-Eġittu, u niżżlu, lilu u l-bniet tal-ġnus qawwija, ma’ dawk li jinżlu fil-ħofra.

19’Il min tisboq fi ġmielek? Inżel u strieħ man-nies bla ħtin.

20F’nofs il-maqtulin bix-xabla għad jaqgħu, għax ix-xabla lesta, u miegħu tistrieħ il-kotra tiegħu.

21Imbagħad mill-qiegħ ta’ Art l-Imwiet jgħidulu l-aqwa fost il-qalbenin: ‘Inżel, int u l-alleati tiegħek, man-nies bla ħtin, fost il-maqtulin bix-xabla.’

22Hemm issib l-Assirja, bl-eżerċtu tagħha madwar qabarha; waqgħu bix-xabla lkoll maqtula.

23Qabarha fil-fond tal-ħofra, u l-kotra tagħha madwar qabarha; waqgħu bix-xabla lkoll maqtula, niżlu bla ħtin fid-dinja ta’ taħt, għax kienu jxerrdu l-biża’ f’art il-ħajjin.

24Hemm Għelam bil-kotra tiegħu madwar qabru, waqgħu bix-xabla lkoll maqtula niżlu bla ħtin fid-dinja ta’ taħt, għax kienu jxerrdu l-biża’ f’art il-ħajjin. U hekk tgħabbew b’għajbhom ma’ dawk li niżlu fil-ħofra.

25U f’nofs il-maqtulin qegħduh jistrieħ, bil-kotra tiegħu madwar qabru, ilkoll bla ħtin, ilkoll maqtula bix-xabla, għax kienu jxerrdu l-biża’ tagħhom f’art il-ħajjin. U hekk tgħabbew b’għajbhom, ma’ dawk li niżlu fil-ħofra, u xeħtuhom f’nofs il-maqtulin.

26Hemm Mesek u Tubal b’kotriehom, b’qabarhom madwarhom. Ilkoll bla ħtin, maqtulin bix-xabla, għax kienu jxerrdu l-biża’ tagħhom f’art il-ħajjin.

27Mhumiex mistrieħa mal-qalbenin, li waqgħu fi żmien il-qedem, li niżlu f’art il-mejtin, bl-għodod tal-gwerra magħhom; li x-xwabel tagħhom taħt rashom qegħduhomlhom, u t-tarki tagħhom fuq għadamhom; għalhekk il-biża’ tal-qalbenin kien f’art il-ħajjin.

28Imma int f’nofs nies bla ħtin tistrieħ, u fost il-maqtulin bix-xabla.

29“Hemm Edom bis-slaten u l-prinċpijiet tiegħu kollha, li minkejja qawwiethom tqiegħdu mal-maqtulin bix-xabla. Hekk qegħdin jistrieħu man-nies bla ħtin, ma’ dawk li niżlu fil-ħofra.


© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

30 “Hemm ukoll flimkien il-prinċpijiet tat-Tramuntana u s-Sidonin li niżlu mal-maqtulin, talli xerrdu l-biża’; u issa hemm misthija jistrieħu bla ħtin mal-maqtulin bix-xabla, u mgħobbijin bl-għajb ma’ dawk li niżlu fil-ħofra.

31 “Jarahom il-Fargħun u jitfarraġ bil-kotra ta’ niesu, ilkoll maqtula bix-xabla: il-Fargħun u l-eżerċtu tiegħu, oraklu ta’ Sidi l-Mulej.

32 “Għax hu xerred il-biża’ f’art il-ħajjin, għalhekk middewh f’nofs in-nies bla ħtin mal-maqtulin bix-xabla: il-Fargħun u l-kotra kollha tan-nies tiegħu, oraklu ta’ Sidi l-Mulej.”

## Eżekjel 33

### Il-Profeta għassies ta’ Iżrael

1 U ġietni l-kelma tal-Mulej u qalli:

2 “O bniedem, kellem lil ulied il-poplu tiegħek u għidilhom: ‘Meta nġib ix-xabla fuq l-art, u l-poplu ta’ dik l-art jaħtru lil xi ħadd minn fosthom u jagħmluh għassies tagħhom,

3 u dan jara x-xabla riesqa lejn il-pajjiż u jdoqq it-tromba biex javża ’l-poplu;

4 jekk xi ħadd jisma’ d-daqq tat-tromba, u ma jagħtix kas tal-allarm, u tilħqu x-xabla, u taqbdu, demmu jkun fuq rasu;

5 għax ikun sama’ leħen it-tromba u ma tax kas tal-allarm, demmu jkun fuq rasu. Imma min ikun ta kas l-allarm, isalva ħajtu.

6 “Imma jekk l-għassies jara x-xabla riesqa, u ma jdoqqx it-tromba, u l-poplu ma jkunx avżat, u tilħqu x-xabla u tieħu ’l xi ħadd minnhom, dan jinqabad fi dnubu, imma jiena demmu nfittxu minn id l-għassies.

7 “Lilek, o bniedem, qegħedtek għassies ta’ dar Iżrael. Meta tisma’ minn fommi xi kelma, għandek twiddibhom f’ismi.

8 Jekk jien ngħid lill-midneb: ‘Int tmut żgur,’ u int ma tkellmux u ma twiddbux biex jitlaq triqtu, hu, il-midneb, imut fi ħżunitu, imma demmu nfittxu minn idejk.

9 Imma jekk inti twiddeb il-midneb dwar triqtu biex jerġa’ lura minnha u ma jerġax, hu jmut fi dnubu, imma int tkun salvajt ħajtek.

### Il-ħlas individwali

10 “U int, o bniedem, għid lil dar Iżrael: ‘Intom qegħdin tgħidu: Dnubietna u ħtijietna fuqna; aħna mifnija bihom; kif se ngħixu?’

11 Għidilhom: ‘Daqs kemm jien ħaj, oraklu ta’ Sidi l-Mulej, ma nitgħaxxaqx b’mewt il-midneb, imma bir-reġgħa lura tiegħu minn triqtu biex jgħix. “Erġgħu, erġgħu lura minn triqatkom il-ħżiena. Għax għandkom tmutu, dar Iżrael?

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

12“U int, o bniedem: għid lil ulied il-poplu tiegħek: ‘Is-sewwa tal-ġust ma jsalvahx f’jum dnubu, u l-ħażen tal-midneb ma jġarrfux, u lanqas ma jista’ l-bniedem ġust jibqa’ ħaj meta jidneb.

13“Jekk jien ngħid lill-bniedem ġust li jgħix żgur, u hu jafda fis-sewwa tiegħu u jagħmel il-ħażen, is-sewwa tiegħu ma niftakarhulux, imma jmut minħabba l-ħażen li jkun għamel.

14“U meta ngħid lill-ħażin: ‘Int tmut żgur,’ u hu jerġa’ lura minn ħtijietu u jagħmel il-ħaqq u s-sewwa,

15irodd ir-rahan, ipatti għas-serq, jimxi fuq il-preċetti li jagħtu l-ħajja, bla ma jagħmel il-ħażen, dan żgur jibqa’ ħaj, ma jmutx.

16Ħtijietu li jkun waqa’ fihom ma niftakarhomlux; għax is-sewwa u d-dritt ikun għamel, għalhekk żgur li jibqa’ ħaj.

17“U wlied il-poplu tiegħek jgħidu: Mhijiex, mhijiex sewwa triq il-Mulej.’ Triqthom li m’hijiex sewwa.

18Jekk il-bniedem sewwa jerġa’ lura mis-sewwa tiegħu u jagħmel il-ħażin, imut fih.

19U jekk il-bniedem ħażin jerġa’ lura mill-ħażen tiegħu u jagħmel il-ħaqq u s-sewwa, jgħix minħabba fihom.

20“Imbagħad tibqgħu tgħidu: ‘Mhijiex sewwa triq il-Mulej!’ Imma jien għad nagħmel ħaqq minnkom ilkoll, minn kulħadd skont triqtu, dar Iżrael.”

### Il-waqgħa ta’ Ġerusalemm

21U ġara li fil-ħames jum tal-għaxar xahar, fit-tnax-il sena tal-eżilju tagħna, wasal għandi wieħed maħrub minn Ġerusalemm u qalli: “Il-Belt waqgħet.”

22Id il-Mulej kienet ġiet fuqi l-lejl ta’ qabel il-wasla tal-maħrub u fetħitli fommi qabel ma wasal filgħodu; fommi nfetaħ u ma bqajtx aktar imbikkem.

23U ġietni l-kelma tal-Mulej u qalli:

24“O bniedem, dawk li għadhom jgħammru f’dawk il-ħerbiet f’art Iżrael qegħdin jgħidu: ‘Abraham kien waħdu u kiseb l-art, mela lilna tmiss l-art b’wirt, lilna li aħna ħafna.’

25Mela għidilhom: ‘Dan jgħid Sidi l-Mulej: Tmorru tieklu l-laħam bid-demm fuq l-għoljiet, terfgħu għajnejkom lejn l-idoli tagħkom, ixxerrdu d-demm, u issa tippretendu li tirtu l-art?

26Intom tistrieħu fuq ix-xwabel tagħkom; tagħmlu ħwejjeġ moqżieża, tkasbru mart xulxin, u issa tippretendu li tirtu l-art?

27“Għidilhom dan: ‘Dan jgħid Sidi l-Mulej: Daqs kemm jien ħaj, dawk li għad hemm fuq il-ħerbiet għad jaqgħu bix-xabla u dawk li qegħdin fil-beraħ tar-raba’


© 2020 Malta Bible Society.

nerħihom b'ikel għall-bhejjem, u dawk li hemm fil-fortizzi u l-għerien għad imutu bil-pesta.

28U l-art nagħmel minnha ħerba, u tintemm il-glorja ta' qawwitha, u l-muntanji ta' Iżrael isiru ħerba u ħadd ma jgħaddi minnhom.

29"Hekk ikunu jafu li jien il-Mulej, meta nagħmel mill-art ħerba fuq ħerba minħabba l-qżiżijiet kollha li għamlu.

30"U int, o bniedem, ulied il-poplu tiegħek qegħdin ipaċpċu fuqek ħdejn il-ħitan
u fi bwieb id-djar, u jgħidu lil xulxin: 'Ejjew ħa nisimgħu x'inhi l-kelma ħierġa mingħand il-Mulej.'

31U jiġu għandek bħal ġemgħa nies u joqogħdu bilqiegħda quddiemek, il-poplu tiegħi, u jisimgħu kliemek u ma jagħmluhx; għax jitgħaxxqu bihom b'fommhom, imma qalbhom tiġri wara l-qligħ.

32Int bħal għannej l-imħabba għalihom, b'vuċi ħelwa u daqq jagħtik pjaċir; jisimgħu kliemek, u ma jagħmluhx.

33Imma meta dan kollu jseħħ, u jseħħ żgur, ikunu jafu li kien hemm profeta f'nofshom."

# Eżekjel 34

### L-oraklu kontra r-rgħajja ta' Iżrael

1U ġietni l-kelma tal-Mulej u qalli:

2"O bniedem, ħabbar kontra r-rgħajja ta' Iżrael. Ħabbar u għidilhom lir-rgħajja: 'Hekk jgħid Sidi l-Mulej: Ħażin għalihom ir-rgħajja ta' Iżrael li jirgħu lilhom infushom! Jaqaw mhux lin-nagħaġ jirgħu r-rgħajja?'

3"Intom tixorbu l-ħalib u tilbsu s-suf tagħhom, toqtlu n-nagħaġ imsemmna, u l-merħla ma tirgħuhiex.

4"Id-dgħajfa ma saħħaħtuhiex, u l-marida ma fejjaqtuhiex, u l-midruba ma dewwejtuhiex, 'l dik li tbiegħdet ma ġibtuhiex lura, lanqas ma fittixtu l-mitlufa. Imma mexxejtuhom b'saħħa u qalb iebsa.

5"U huma xterdu għax ma kellhomx ragħaj; u saru l-ikel ta' kull bhima selvaġġa u xterdu.

6Intilfet il-merħla tiegħi fuq kull muntanja u fuq kull għolja; ma' wiċċ l-art kollha xterdet il-merħla tiegħi, u ma hemm ħadd min jistaqsi għaliha, ma hemm ħadd min ifittixha.'

7"Għalhekk, ja rgħajja, isimgħu l-kelma tal-Mulej.

8"Daqs kemm jien ħaj, jgħid Sidi l-Mulej, billi l-merħla tiegħi waqgħet priża, u saret il-merħla tiegħi l-ikel ta' kull bhima selvaġġa għax ma kienx hemm ragħaj,

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

u billi r-rgħajja tiegħi ma fittxewx il-merħla tiegħi, u r-rgħajja qagħdu jirgħu lilhom infushom bla ma jirgħu l-merħla tiegħi,

9għalhekk, ja rgħajja, isimgħu l-kelma tal-Mulej.

10“Hekk jgħid Sidi l-Mulej: ‘Arawni ġej għar-rgħajja, neħdilhom minn taħt idejhom in-nagħaġ tiegħi, u ma nħallihomx jirgħu iżjed il-merħla. U ma jirgħux iżjed ir-rgħajja lilhom infushom. ‘U jien insalva l-merħla tiegħi minn ġo ħalqhom, u ma tibqax aktar l-ikel tagħhom.’

11“Għax dan jgħid Sidi l-Mulej: ‘Arawni, hekk jien se nfittex in-nagħaġ tiegħi u nieħu ħsiebhom.

12Bħalma r-ragħaj jaħseb fil-merħla tiegħu meta jsib ruħu f’nofs in-nagħaġ imxerrda tiegħu, hekk naħseb jien fin-nagħaġ tiegħi, u nsalvahom minn kull fejn xterdu fi żmien is-sħab u s-swied tal-ajru.

13Noħroġhom minn qalb il-popli, niġborhom mill-artijiet, nġibhom lejn arthom. Nirgħahom fuq il-muntanji ta’ Iżrael, fil-widien u l-meddiet kollha tal-art.

14F’mergħat bnina għad nirgħahom, u fuq l-iġbla għolja ta’ Iżrael tkun mergħathom. Hemm jinxteħtu f’mergħa bnina, u jimirħu f’art tajba fuq il-muntanji ta’ Iżrael.

15Jiena stess nirgħa n-nagħaġ tiegħi, u jiena nserraħhom, oraklu ta’ Sidi l-Mulej.

16Jiena nfittex il-mitlufa, irreġġa’ lura l-imxerrda, ninfaxxa l-ġrieħi tal-miġrugħa, u nqawwi l-marida. Inħares is-smina u l-qawwija, u nirgħahom bil-ġustizzja.”

### L-għażla tan-nagħaġ

17“Imma għalik, merħla tiegħi, hekk jgħid Sidi l-Mulej: ‘Ara, jien nagħmel ħaqq bejn nagħġa u nagħġa, bejn imtaten u bdabad.

18“Ma kienx biżżejjed għalikom li tirgħu fl-aħjar mergħat, biex tgħaffġu b’riġlejkom il-bqija ta’ mergħatkom; li tixorbu l-ilma ċar, u ddardru l-bqija b’riġlejkom?

19U l-merħla tiegħi jkollhom jirgħu tagħfiġ riġlejkom, u jixorbu dardir saqajkom!

20“Għalhekk dan jgħidilkom Sidi l-Mulej: Arawni! Se nagħmel ħaqq bejn in-nagħġa s-smina u n-nagħġa l-magħluba.

21“Għax intom imbuttajtu b’ġenbejkom u bi spallejkom, u bi qrunkom ħbattu għad-dgħajfa, sakemm gerrixtuhom ’il barra.

22“Jien insalva n-nagħaġ tiegħi, u ma jkunux aktar priża, u nagħmel ħaqq bejn nagħġa u oħra.

23“U nqiegħed fuqhom ragħaj wieħed, il-qaddej tiegħi David, u jieħu ħsiebhom u jirgħahom; hu jirgħahom u jkun ir-ragħaj tagħhom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

24U jiena l-Mulej, inkun Alla tagħhom u l-qaddej tiegħi David ikun il-mexxej tagħhom. Jiena il-Mulej, tkellimt.

25Nagħmel magħhom patt ta' sliem u neqred mill-art il-bhejjem selvaġġi. Ikunu jistgħu jgħammru fid-deżert bla biża' u jorqdu fl-imsaġar.

26Inqegħedhom madwar l-għolja tiegħi, u nibgħat ix-xita f'waqtha, xita ta' barka.

27U s-siġar tar-raba' jagħtu l-frott tagħhom, u l-art in-nebbieta tagħha, u huma joqogħdu bla biża' fl-irziezet tagħhom. U huma jagħrfu li jiena l-Mulej meta nkisser l-irbit tal-madmad tagħhom, u neħlishom minn idejn dawk li ijassruhom.

28Ma jkunux aktar priża għall-ġnus, u ma jikluhomx aktar il-bhejjem selvaġġi tal-art, imma jgħixu bi kwiethom u ħadd ma jbeżżagħhom aktar.

29"U nnibbtilhom ġmiel ta' ħxejjex u ma jkunux aktar mifnijin mill-ġuħ fil-pajjiż, u lanqas jitgħabbew bit-tagħjir tal-ġnus.

30U jkunu jafu li jiena l-Mulej, Alla tagħhom, jiena magħhom u huma l-poplu tiegħi, id-dar ta' Iżrael, oraklu ta' Sidi l-Mulej.

31U intom, in-nagħaġ tiegħi, intom in-nagħaġ tal-mergħa tiegħi, jiena l-Mulej, Alla tagħkom, oraklu ta' Sidi l-Mulej."

## Eżekjel 35

### L-oraklu kontra Edom

1Ġara li ġiet fuqi l-kelma tal-Mulej, u qalli:

2"O bniedem, dawwar wiċċek lejn il-muntanja ta' Xegħir, u ħabbar kontriha,

3u għidilha: 'Dan jgħid Sidi l-Mulej: Arani! Jien kontrik, muntanja ta' Xegħir, kontrik immidd idi, u nagħmel minnek ħerba fuq ħerba.

4Blietek nagħmilhom ħerba, u ħerba ssir minnek! U mbagħad tkun taf li jien il-Mulej!

5"Int dejjem kellek l-odju għal ulied Iżrael u rħejthom għall-qawwa tax-xabla fi żmien il-qerda tagħhom, fi żmien l-aħħar ħtija.

6"Għalhekk, daqs kemm jien ħaj, oraklu tal-Mulej, għad-demm ħejjejtek, u d-demm jiġri warajk; int bgħadt lil demmek u d-demm għad jiġri warajk.

7Nagħmel minn Xegħir ħerba u deżert, u neqred minnha 'l min ġej u sejjer.

8U nimla bil-mejtin il-muntanji tiegħek; u għoljietek, widienek, il-ħniedaq tiegħek fihom għad jaqgħu l-maqtulin bix-xabla.

9Nagħmel minnek ħerba għal dejjem, u blietek aktar ma jitgħammrux; imbagħad tkunu tafu li jien il-Mulej.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

[10]"Int għedt: 'Iż-żewġ popli u ż-żewġ pajjiżi huma tiegħi u rrid neħodhom', għalkemm kien hemm il-Mulej;

[11]għalhekk, daqs kemm jien ħaj, oraklu ta' Sidi l-Mulej, inġib ruħi miegħek skont l-għadab u l-għira tiegħek, li bihom ġibt ruħek magħhom skont il-mibegħda tiegħek, u nurik x'jien meta nagħmel ħaqq minnek.

[12]U tkun taf li jien il-Mulej. Smajt it-tagħjir kollu li int lissint kontra l-muntanji ta' Iżrael meta għedt: 'Saru ħerba! Hekk lesti għalina biex nibilgħuhom.'

[13]"Tkabbartu kontrija b'fommkom u kattartu kliemkom kontrija, u jiena smajt.

[14]"Dan jgħid Sidi l-Mulej: Bħalma fraħt int minħabba l-ħerba ta' arti, hekk nagħmel lilek.

[15]Bħalma fraħt int bit-tħarbit tal-wirt ta' dar Iżrael, hekk nagħmel minnek. Ħerba għad tkun il-muntanja ta' Xegħir u Edom kollu jisfa' fix-xejn. U mbagħad ikunu jafu li jien il-Mulej."

## Eżekjel 36

### It-tiġdid ta' art Iżrael

[1]"U int, o bniedem, ħabbar lill-muntanji ta' Iżrael u għidilhom: Muntanji ta' Iżrael, isimgħu l-kelma tal-Mulej:

[2]Dan jgħid Sidi l-Mulej: Talli l-għadu tagħkom qal għalikom: 'Ah! Il-muntanji ta' dejjem saru l-wirt tagħna!'

[3]Ħabbar għalhekk, u għid: Dan jgħid Sidi l-Mulej: Sewwasew talli għamlu ħerba minnkom u stmerrewkom minn kull naħa għax sirtu l-wirt tal-bqija tal-ġnus, u ġejtu f'ilsien in-nies u t-tqassis tal-poplu,

[4]għalhekk: O muntanji ta' Iżrael, isimgħu l-kelma ta' Sidi l-Mulej: Dan jgħid Sidi l-Mulej lill-muntanji, lill-għoljiet, lill-ħniedaq, lill-widien, lill-ħerbiet u 'l-ibliet mitluqa, li saru l-priża u d-daħk tal-bqija tal-ġnus madwar.

[5]"Għalhekk dan jgħid Sidi l-Mulej: Iva! Fil-ħeġġa tal-għira tiegħi tkellimt kontra l-bqija tal-ġnus u kontra Edom kollu. B'qalbhom kollha ferħ u b'ruħhom kollha tmaqdir, lil arti għamluha tagħhom b'wirt, biex qerduha u serquha.

[6]"Għalhekk ħabbar lill-art ta' Iżrael, u għid lill-muntanji u 'l-għoljiet, lill-ħniedaq u l-widien: Dan jgħid Sidi l-Mulej, 'Arawni, jien tkellimt f'għadbi u l-għira tiegħi, għax intom kellkom toqogħdu għat-tagħjir tal-ġnus,

[7]għalhekk dan jgħid Sidi l-Mulej: Jien nerfa' idi u naħlef li l-ġnus ta' madwarkom huma wkoll għad ikollhom joqogħdu għat-tagħjir.

[8]Intom, muntanji ta' Iżrael, għad tarmu l-friegħi u tagħmlu l-frott għal Iżrael, il-poplu tiegħi, għax waslu biex jerġgħu lura.


© 2020 Malta Bible Society.

9Arawni, jien niġi u ndawwar wiċċi lejkom, u intom għad jaħdmukom u
jiżirgħukom.

10Jien inkattrilkom in-nies, dar Iżrael kollha; l-ibliet jitgħammru u l-ħerbiet
jinbnew mill-ġdid.

11Inkattrilkom in-nies u l-bhejjem fuqkom; jitkattru u jnisslu. Ngħammarkom
bħalma kontu qabel, u nimliekom bil-ġid aktar minn qatt qabel, u tkunu tafu li
jien il-Mulej.

12U nġib fuqkom in-nies, il-poplu tiegħi Iżrael, jeħduk f'idejhom, u tkun int il-
wirt tagħhom, u ma ċċaħħadhomx aktar minn uliedhom.

13"Dan jgħid Sidi l-Mulej: Talli marru jgħidulek, 'Int art tiekol in-nies, u tisraq lil
ġensek minn uliedu,

14għalhekk ma tikolx aktar in-nies, u anqas iċċaħħad il-poplu tiegħek minn
uliedu, oraklu ta' Sidi l-Mulej.

15Ma nħallikx tisma' aktar it-tagħjir tal-ġnus; ma ġġorrx aktar fuqek l-għajb tal-
ġnus, u l-poplu tiegħek ma ċċaħħdux aktar minn uliedu, oraklu ta' Sidi l-Mulej.' "

### It-tiġdid tal-poplu ta' Iżrael

16U ġietni l-kelma tal-Mulej u qalli:

17"O bniedem, meta d-dar ta' Iżrael kienu għadhom f'arthom, huma tebbgħuha
bl-imġiba tagħhom u b'għemilhom. Imġibthom quddiemi kienet bħall-ħmieġ ta'
mara mxahhra.

18U jiena ferrajt qillti fuqhom minħabba fid-demm li xerrdu fl-art u minħabba fl-
idoli li bihom ċappsu l-art.

19Xerridthom fost il-ġnus, u huma xterdu mal-artijiet; għamilt ħaqq minnhom
skont imġibthom u skont triqathom.

20Meta marru fost il-ġnus, kull fejn marru, kasbru ismi l-qaddis, hekk li n-nies
bdew jgħidu għalihom: 'Dan hu l-poplu tal-Mulej, li kellhom joħorġu minn artu!'

21Imma jien bżajt għal ismi l-qaddis li wlied Iżrael kasbru fost il-ġnus fejn marru.

22"Għalhekk għidilhom lid-dar ta' Iżrael: Dan jgħid Sidi l-Mulej: Mhux minħabba
fikom sejjer nagħmel dan, dar Iżrael, iżda minħabba f'ismi l-qaddis li intom
kasbartu fost il-ġnus fejn mortu.

23Jien inqaddes ismi l-kbir, imkasbar minnkom fost il-ġnus, li f'nofshom
kasbartuh, u l-ġnus ikunu jafu li jiena l-Mulej, meta nuri qdusiti fikom quddiem
għajnejkom, oraklu ta' Sidi l-Mulej,

24meta neħodkom minn fost il-ġnus u niġmagħkom mill-artijiet kollha, u nerġa'
ndaħħalkom f'artkom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

25“U rroxx fuqkom ilma safi, u tissaffew mit-tinġis kollu tagħkom; mill-idoli
kollha tagħkom insaffikom.

26U nagħtikom qalb ġdida, u ruħ ġdida nqiegħed ġo fikom; u nneħħi minn
ġisimkom il-qalb tal-ġebel u nagħtikom qalb tal-laħam flokha.

27U nqiegħed ruħi ġo fikom, u nagħmel li timxu skont il-kmandamenti tiegħi, u li
żżommu l-preċetti tiegħi u tħarsuhom.

28U tgħammru fl-art li tajt ’il missirijietkom, u intom tkunu l-poplu tiegħi u jiena
nkun Alla tagħkom.

29U neħliskom mit-tinġis kollu tagħkom, u nsejjaħ lill-qamħ u nkattru, u ma
nibagħtilkomx aktar il-ġuħ.

30Inkattar frott is-siġar u r-raba’ tagħkom, biex ma jkollkomx aktar l-għajb tal-
ġuħ fost il-ġnus.

31Imbagħad tiftakru fl-imġiba ħażina tagħkom u fl-għemejjel ħżiena tagħkom. U
tistmerru lilkom infuskom għall-ħażen tagħkom u għall-għemejjel mistkerrha
tagħkom.

32U kunu afu li mhux minħabba fikom li qed nagħmel dan, oraklu ta’ Sidi l-Mulej.
Istħu u ħammru wiċċkom minħabba l-imġiba tagħkom, dar Iżrael!

33“Dan jgħid Sidi l-Mulej: Fil-jum li fih innaddafkom mit-tinġis kollu tagħkom,
ngħammar mill-ġdid l-ibliet tagħkom u nibni mill-ġdid il-ħerbiet tagħkom.

34L-art imħarbta, li kienet saret ħerba għal għajnejn kull min kien jgħaddi, terġa’
tinħadem.

35U kulħadd jgħid: ‘L-art li kienet imħarbta issa qisha l-ġnien tal-Għeden, u l-
ibliet imġarrfa, mitluqa u mħarbta issa huma bliet qawwija u mimlija nies.’

36U l-ġnus li baqa’ madwarkom jagħrfu li jien, il-Mulej, bnejt mill-ġdid dak li
ġġarraf u tellajt mill-ġdid is-siġar fl-art li kienet ħerba. Jien il-Mulej, dan għedt u
dan nagħmel.

37“Dan jgħid Sidi l-Mulej: Dan ukoll inħallihom jitolbuni d-dar ta’ Iżrael li
nagħmlilhom: inkattrilhom in-nies bħan-nagħaġ.

38“Bħan-nagħaġ ikkonsagrati, bħan-nagħaġ f’Ġerusalemm fil-festi l-kbar tagħha;
hekk ikunu mimlija l-ibliet imġarrfa bl-imrieħel tan-nies, u jkunu jafu li jien il-
Mulej.”

## Eżekjel 37

### Il-qawmien tal-poplu ta’ Alla

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[1]U ġiet fuqi id il-Mulej u ħaditni fl-ispirtu tal-Mulej u qegħditni f'nofs il-wied. Dan kien miżgħud bl-għadam.

[2]Huwa għaddieni dawramejt madwarhom, u kien hemm kotra kbira mxerrda mal-wied, u kienu kollha niexfa qoxqox.

[3]U l-Mulej qalli: "O bniedem, jista' dan l-għadam jerġa' jieħu l-ħajja?" Jiena weġibt: "Sidi Mulej, dan inti tafu."

[4]U qalli: 'Ħabbar lil dan l-għadam u għidlu: O għadam niexef, isma' l-kelma tal-Mulej.

[5]Hekk qal Sidi l-Mulej: Ara, jien se nġib fik ir-ruħ, inti terġa' tgħix.

[6]U nqiegħed fik in-nervi, u ntellagħlek il-laħam, u niksik bil-ġilda, u nqiegħed fik ir-ruħ. U inti terġa' tgħix, u tkun taf li jiena l-Mulej."

[7]Imbagħad ħabbart kif ordnali. U jiena u nħabbar instama' ħoss, u ara, l-għadam tqanqal, u kollha bdew resqin lejn xulxin, għadma lejn għadma.

[8]Jien ħarist, u ara, ġew fihom in-nervi, telgħalhom il-laħam, fuqhom infirxet il-ġilda, imma nifs ma kienx hemm fihom.

[9]U qalli: "Ħabbar lir-ruħ, ħabbar, o bniedem, u għid lir-ruħ: Hekk qal Sidi l-Mulej: Ejja, ruħ, mill-erbat irjieħ tad-dinja, onfoħ fuq dawn il-mejtin, ħa jerġgħu jieħdu l-ħajja."

[10]Jien ħabbart kif ordnali, u r-ruħ daħlet fihom, u reġgħu ħadu l-ħajja, u waqfu fuq riġlejhom, eżerċtu kbir fuq li kbir.

[11]U qalli: "O bniedem, dan l-għadam huwa d-dar kollha ta' Iżrael. Ara, huma jgħidu: 'Nixef għadamna, it-tama tagħna għabet, inqridna għalkollox.'

[12]Għalhekk ħabbrilhom u għidilhom: Hekk qal Sidi l-Mulej: Ara, jiena niftaħ l-oqbra tagħkom, poplu tiegħi, u nġibkom lura f'art Iżrael.

[13]Imbagħad tkunu tafu li jiena l-Mulej, meta niftaħ l-oqbra tagħkom u ntellagħkom mill-oqbra tagħkom, poplu tiegħi.

[14]U jiena nqiegħed ruħi fikom, u terġgħu tieħdu l-ħajja. Inqegħedkom f'artkom u tkunu tafu li jiena l-Mulej. Hekk għedt, u hekk nagħmel, oraklu tal-Mulej."

### L-għaqda bejn Iżrael u Ġuda

[15]U ġietni l-kelma tal-Mulej, u qalli:

[16]"O bniedem, ħu biċċa injama u ikteb fuqha, 'Għal Ġuda u għal ulied Iżrael li hemm miegħu.' Imbagħad ħu biċċa oħra u ikteb fuqha, 'Għal Ġużeppi, il-ħatar ta' Efrajm, u għad-dar kollha ta' Iżrael li hemm miegħu.'

[17]"Imbagħad ressaqhom lejn xulxin biex jingħaqdu f'injama waħda f'idejk.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[18]U meta wlied il-poplu tiegħek ikellmuk u jgħidulek, 'Ma tfissrilniex xi trid tgħid b'dan?'

[19]għidilhom: Dan jgħid il-Mulej Sidi: Araw, se nieħu l-ħatar ta' Ġużeppi, li hemm f'id Efrajm, u t-tribujiet ta' Iżrael li hemm miegħu, u nqiegħed miegħu l-ħatar ta' Ġuda u nagħmilhom ħatar wieħed, biex isiru ħaġa waħda f'idi.'

[20]"Żomm f'idek quddiem għajnejhom iż-żewġ injamiet li fuqhom ktibt,

[21]u għidilhom: 'Dan jgħid Sidi l-Mulej: Araw, se nieħu lil ulied Iżrael minn fost il-ġnus fejn marru, niġmagħhom minn kull naħa u nġibhom f'arthom.

[22]U nagħmilhom ġens wieħed fil-pajjiż, fuq il-muntanji ta' Iżrael; sultan wieħed ikun is-sultan tagħhom ilkoll. Ma jibqgħux iżjed żewġt iġnus, ma jibqgħux iżjed maqsuma f'żewġ saltniet.

[23]Ma jitniġġsux aktar bl-allat foloz u l-ħwejjeġ moqżieża tagħhom, u b'ebda dnub ieħor minn tagħhom. Jien għad insalvahom mid-dnubiet li firduhom minni, jiena nsaffihom; u huma jkunu għalija l-poplu tiegħi, u jiena nkun għalihom Alla tagħhom.

[24]"Il-qaddej tiegħi David ikun is-sultan tagħhom, u huma lkoll ikollhom ragħaj wieħed fuq kulħadd. Huma jimxu fuq il-preċetti tiegħi, u jħarsu l-liġijiet tiegħi u jżommuhom.

[25]U jgħammru fl-art li jien kont tajt lill-qaddej tiegħi Ġakobb, l-art li fiha għammru missirijiethom; jgħammru fiha huma u wliedhom u wlied uliedhom għal dejjem. U l-qaddej tiegħi David ikun il-prinċep fuqhom għal dejjem.

[26]Nagħmel magħhom patt ta' sliem, ikun patt magħhom għal dejjem; inwettaqhom u nkattarhom, u nqiegħed fosthom għal dejjem is-santwarju tiegħi.

[27]Fosthom tkun l-għamara tiegħi, u jiena nkun Alla tagħhom, u huma jkunu l-poplu tiegħi.

[28]Imbagħad jagħrfu l-ġnus li jiena l-Mulej li nqaddes lil Iżrael, meta s-santwarju tiegħi jkun fosthom għal dejjem."

## Eżekjel 38

### L-ewwel oraklu kontra Gog

[1]U ġietni l-kelma tal-Mulej u qalli:

[2]"O bniedem, dawwar wiċċek lejn l-art ta' Magog, kontra Gog, il-prinċep il-kbir ta' Mesek u Tubal, u ħabbar kontra tiegħu

[3]u għidlu: 'Dan jgħid Sidi l-Mulej: Arani ġej għalik, Gog, int il-prinċep ta' Mesek u Tubal.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

4Jien indawrek u nagħmillek il-granpuni fi xdieqek u noħorġok, bl-eżerċtu kollu tiegħek, żwiemel u rikkieba, ilkoll armati sewwa, eżerċtu kbir bit-tarki żgħar u kbar, ilkoll bix-xwabel misluta.

5Magħhom Paras, Kus, u Put, kollha bit-tarka u l-elmu.

6Gomer u l-qtajja' tiegħu kollha, id-dar ta' Bet-togarma, mill-ibgħad tat-Tramuntana, u l-qtajja' tiegħu: kotra ta' ġnus miegħek.

7"Hejji ruħek, int u l-ġemgħa tiegħek kollha, miġbura madwarek, u kun lest għall-ordni tiegħi.

8Wara ħafna żmien ikollok l-ordni; fl-aħħar tas-snin int tiġi lejn l-art li ħelset mix-xabla, li nġemgħet minn ħafna ġnus, fuq il-muntanji ta' Iżrael, li kienu għal ħafna żmien ħerba, pajjiż miġmugħ minn fost il-ġnus, ilkoll jgħammru fiha b'moħħhom mistrieħ.

9Inti titla' għalihom, tasal bħal riefnu, bħal sħaba tgħatti l-art, int u l-qtajjiet tiegħek u miegħek ħafna popli.'

10"Dan jgħid Sidi l-Mulej: 'Dakinhar jiġuk f'moħħok ħsibijiet u tfassal pjan ta' ħsara,

11u tgħid: 'Ħa nitla' kontra pajjiż bla swar, ħa nintefa' fuq nies kwieti, li jgħammru b'moħħhom mistrieħ: nies bla swar; u bibien u żbarri ma għandhomx,'

12biex taħtaf il-priża u tisraq, biex tmidd idek fuq ħerbiet mgħammra u fuq poplu miġbur minn fost il-ġnus, poplu li kiseb imrieħel u ġid, u issa jgħammar fil-qalba tal-art.

13Saba, Dedan u n-neguzjanti tagħha, Tarsis u l-merkanti tagħha, jgħidulek: 'Ġejt int biex taħtaf il-priża? Ġbart int il-poplu tiegħek biex tagħmel xi serqa kbira, biex iġġorr id-deheb u l-fidda, biex taħtaf l-imrieħel u l-ġid, biex tagħmel xi serqa kbira?

### It-tieni oraklu kontra Gog

14"Għalhekk, o bniedem, ħabbar u għid lil Gog: 'Dan jgħid Sidi l-Mulej: Iva, meta l-poplu tiegħi Iżrael ikun jgħammar bi kwietu int tqum għalih

15u tiġi minn pajjiżek, minn tarf it-Tramuntana, int u miegħek ħafna ġnus, ilkoll riekba fuq iż-żwiemel, ġemgħa kbira u eżerċtu qawwi.

16Int titla' għall-poplu tiegħi Iżrael bħalma sħaba tgħatti l-art; dan iseħħ fl-aħħar jiem. Inġibek f'arti ħalli jkunu jafu x'jien il-ġnus, meta jien nurik qdusiti quddiemhom, Gog!


© 2020 Malta Bible Society.

17“Dan jgħid Sidi l-Mulej: ‘Int hu li jien tkellimt fuqu fi żmien il-qedem permezz tal-qaddejja tiegħi, il-profeti ta’ Iżrael, li ħabbru f’dak iż-żmien, snin ilu, li jien għad inġibek għalihom.

18“Imbagħad, dakinhar, meta jiġi Gog għall-art ta’ Iżrael, oraklu ta’ Sidi l-Mulej, għadbi jitla’ fi mnifsejja.

19Fis-saħna tal-għira u n-nar tad-dagħdigħa tiegħi jien għedt: Dakinhar ikun hemm taqliba sħiħa f’art Iżrael.

20Jitriegħdu minn quddiemi l-ħut tal-baħar, it-tjur tal-ajru, il-bhejjem tar-raba’, u s-sriep jitkaxkru fl-art, u l-bnedmin kollha fuq wiċċ l-art. Jitgerbbu l-muntanji, jiġġarrfu l-irdumijiet, u jaqgħu fl-art is-swar.

21“Imbagħad insejjaħ kontrih kull xorta ta’ biża’, oraklu ta’ Sidi l-Mulej, u x-xabla tal-wieħed iddur kontra l-ieħor.

22U jien nivvendika ruħi minnu bil-pesta u bid-demm; nibgħatlu xita bil-qliel, silġ daqs iċ-ċagħak, nar u kubrit, fuq il-qtajja’ tiegħu, fuq il-kotra ta’ popli miegħu.

23“U hekk nuri l-kobor u l-qdusija tiegħi quddiem kotra ta’ ġnus, u jkunu jafu li jien il-Mulej.”

## Eżekjel 39

### It-tielet oraklu kontra Gog

1U int, o bniedem, ħabbar kontra Gog u għidlu: Dan jgħid Sidi l-Mulej: Arani, jien kontrik Gog, il-prinċep il-kbir ta’ Mesek u Tubal.

2Jien indawrek, insuqek u ntellgħek mill-ibgħad trufijiet tat-Tramuntana u nġibek fuq il-muntanji ta’ Iżrael,

3imma jien inkissirlek il-qaws mix-xellugija u nwaqqagħlek il-vleġeġ mil-leminija.

4Fuq il-muntanji ta’ Iżrael taqa’ int u l-qtajja’ tiegħek u l-popli li jkunu miegħek. U nitilqek b’ikel għat-tjur kollha tal-priża u l-bhejjem tax-xagħri.

5Fuq wiċċ ir-raba’ għad taqa’, għax jien tkellimt, oraklu ta’ Sidi l-Mulej.

6“Jien nibgħat in-nar fuq Magog u fuq in-nies li jgħammru fuq ix-xtut bi kwiethom, u jkunu jafu li jien il-Mulej.

7“U ismi l-qaddis ngħarraf f’nofs Iżrael, il-poplu tiegħi, u ma nħallix li ismi l-qaddis jitkasbar iżjed, u l-ġnus ikunu jafu li jien il-Mulej, il-Qaddis f’Iżrael.

8Araw: Dan għad jasal u jseħħ, oraklu ta’ Sidi l-Mulej. Dan hu l-Jum li jien minnu tkellimt.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

9“U joħorġu n-nies li jgħammru fl-ibliet ta’ Iżrael, ikebbsu n-nar u jaħarqu t-tagħmir tal-gwerra; tarki kbar u żgħar, qwas u vleġeġ, mazez u lanez, u jdumu jkebbsu n-nar bihom għal seba’ snin sħaħ.

10Ma jkollhomx bżonn jiġbru l-ħatab mir-raba’ u ma jaqtgħux mill-foresti, għax bit-tagħmir tal-gwerra jkebbsu n-nar. Ineżżgħu lil dawk stess li neżżgħu lilhom minn ġidhom, u jagħmlu l-priża minn dawk li jkunu għamlu priża minnhom, oraklu ta’ Sidi l-Mulej.

11“U jiġri dakinhar li nagħti lil Gog b’qabar post imsemmi f’Iżrael, Wied Għabarim, fuq il-Lvant tal-baħar, li jagħlaq it-triq għal dawk li jgħaddu minn hemm, għax hemm għad jidfnu lil Gog u l-kotra tiegħu kollha, u jsejħulu Wied Ħamon-gog.

12Seba’ xhur sħaħ jieħdu d-dar ta’ Iżrael biex jidfnuhom u jnaddfu l-pajjiż.

13Jidfinhom il-poplu kollu tal-pajjiż u jkollhom isem dakinhar li nissebbaħ jien, oraklu ta’ Sidi l-Mulej.

14“U jqabbdu xi nies li jduru dejjem il-pajjiż u jidfnu l-katavri li jkun għad fadal fuq wiċċ l-art biex inaddfuha. Għal seba’ xhur sħaħ idumu jfittxu.

15Kull meta jkunu jduru l-art u xi ħadd minnhom jara xi għadma ta’ bniedem, iwaqqfu plier ħdejha, sa ma d-deffiena jidfnuha f’Wied Ħamon-gog.

16U l-belt ukoll isemmuha Ħamona. U hekk inaddfu l-art.

17“U int, o bniedem, dan jgħid Sidi l-Mulej: Għid lil kull xorta ta’ tajra u ’l kull xorta ta’ bhima tax-xagħri: ‘Inġabru u ejjew, inġemgħu minn kull naħa għall-qatla tiegħi, li jien se nagħmlilkom, qatla kbira fuq il-muntanji ta’ Iżrael, u tieklu l-laħam u tixorbu d-demm.

18Tieklu laħam il-qalbenin u tixorbu demm il-prinċpijiet ta’ kull pajjiż: imtaten, ħrief, bdabad, għoġiela, kollha bhejjem smien minn Basan.

19U tieklu laħam grass sa tixbgħu, u tixorbu demm sa tiskru, mill-qatla li jien ħejjejt għalikom.

20Fuq il-mejda tiegħi tixbgħu bi żwiemel u rikkieba, bil-qalbenin u nies tal-gwerra, oraklu ta’ Sidi l-Mulej.

### Iżrael jerġa’ lura

21“B’hekk nuri l-glorja tiegħi fost il-ġnus, u jaraw il-ġnus kollha l-ħaqq tiegħi li jien għamilt u idi li meddejt fuqhom.

22U jkunu jafu d-dar ta’ Iżrael minn dakinhar ’il quddiem li jien il-Mulej Alla tagħkom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

23U jkunu jafu l-ġnus li l-poplu ta’ Iżrael kien itturufnat minħabba ħżunitu, u għax imxew ħażin miegħi jien ħbejt wiċċi minnhom, u rħejthom f’idejn l-għedewwa tagħhom, u lkoll waqgħu taħt ix-xabla.

24Skont tniġġishom u skont dnubiethom imxejt magħhom, u ħbejt wiċċi minnhom.

25“Għalhekk dan jgħid Sidi l-Mulej: Issa nbiddel ix-xorti ta’ Ġakobb u nħenn għad-dar kollha ta’ Iżrael, għax jien għajjur għal ismi l-qaddis.

26Huma għad jinsew l-għajb tagħhom u l-qerq li qarrqu bija meta jibdew jgħammru fil-pajjiż bi kwiethom bla biża’ ta’ ħadd.

27Meta nkun reġġajthom lura minn fost il-ġnus u ġbarthom mill-artijiet tal-għedewwa tagħhom, imbagħad nuri qdusiti bihom f’għajnejn il-kotra tal-ġnus.

28U jkunu jafu li jien il-Mulej Alla tagħhom meta, wara li nkun itturufnajthom fost il-ġnus, inkun ġbarthom f’arthom u ma nkun ħallejt ’il ħadd minnhom hemm.

29Wiċċi ma naħbihx aktar minnhom għax inkun sawwabt l-ispirtu tiegħi fuq id-dar ta’ Iżrael, oraklu ta’ Sidi l-Mulej.”

# Eżekjel 40

### It-tempju l-ġdid

1Fis-sena ħamsa u għoxrin tat-turufnament tagħha, fil-bidu tas-sena, fl-għaxra tax-xahar, fis-sena erbatax mill-waqgħa tal-belt, dakinhar, ġiet fuqi id il-Mulej.

2F’dehra ta’ Alla ħadni fl-art ta’ Iżrael, u qegħedni fuq muntanja għolja ħafna, u fin-naħa tan-Nofsinhar tagħha kien hemm qisha belt mibnija.

3Ħadni lejha, u hemm rajt raġel fid-dehra tiegħu qisu tal-bronż, u kellu f’idu ħabel tal-kittien u qasba tal-qjies, u kien wieqaf fil-bieb.

4Ir-raġel qalli: “O bniedem, ara sewwa, u isma’ tajjeb, u żomm f’moħħok kulma se nurik, għax int inġibt hawn għandi biex nurihulek. Ħabbar kulma tara lil dar Iżrael.”

### Id-daħla ta’ barra

5Ara! Kien hemm ħajt minn barra madwar it-tempju u f’id ir-raġel qasba tal-qjies ta’ sitt idriegħ, kull driegħ kien fih driegħ u erbat iswaba’. U hu qies il-ħxuna li kienet qasba, u l-għoli li kien qasba.

### Il-bieb tal-Lvant

6Imbagħad mar fil-bieb li jħares lejn il-Lvant, tela’ t-taraġ u qies l-għatba tal-bieb, li kienet fonda qasba.


© 2020 Malta Bible Society.

7Kull kamra kienet qasba wiesgħa u qasba twila, u bejn il-kmamar kien hemm wisa' ta' ħamest idriegħ u l-għatba tal-bieb ta' ħdejn il-portiku min-naħa ta' ġewwa kienet fonda qasba.

8Hu qies il-portiku tal-bieb li kien tmint idriegħ, u l-pilastri żewġt idriegħ.

9Il-portiku tal-bieb kien in-naħa ta' ġewwa.

10U l-kmamar tal-bieb fuq il-Lvant kienu tlieta fuq ġenb u tlieta fuq il-ġenb l-ieħor. Kienu t-tlieta ta' qjies wieħed, u l-pilastri fuq kull ġenb kienu wkoll qjies wieħed.

11U qies ukoll il-wisa' tal-ftuħ tad-daħla, għaxart idriegħ wisa', u l-wisa' tal-intrata li kien tlettax-il driegħ.

12Quddiem il-kamra, fuq kull ġenb, kien hemm rixtellu wiesa' driegħ, u kull kamra kienet ta' sitt idriegħ naħa u sitt idriegħ in-naħa l-oħra.

13Qies ukoll l-intrata mis-saqaf ta' kamra għas-saqaf tal-kamra ta' quddiemha: ħamsa u għoxrin driegħ wisa' minn bieb sa bieb.

14U qies il-portiku li kien għoxrin driegħ, u mal-portiku tad-daħla kien hemm il-bitħa dawramejt.

15U mill-faċċata tal-bieb ta' barra sal-faċċata tal-portiku tal-bieb fuq in-naħa ta' ġewwa kien hemm ħamsin driegħ.

16Il-kmamar tal-pilastri 'l ġewwa mid-daħla dawramejt kellhom twieqi falza skorra, u l-portiku wkoll kellu twieqi dawramejt in-naħa ta' ġewwa. Il-pilastri kellhom il-palm minqux fuqhom.

### Il-bitħa ta' barra

17Imbagħad daħħalni fil-bitħa ta' barra, u hemm kien hemm kmamar u bordura ta' art iċċangata madwar il-bitħa. Il-kmamar madwar dan il-paviment kienu tletin.

18Il-paviment kien mal-bibien, u wiesa' daqs kemm kienu twal il-bibien: dan kien il-paviment t'isfel.

19U qies il-wisa' tal-bitħa mill-faċċata tal-bieb t'isfel sal-faċċata tal-bieb ta' ġewwa 'l barra, kien fiha mitt driegħ.

### Il-bieb tat-Tramuntana

20Imbagħad resaq lejn it-Tramuntana fejn kien hemm bieb iħares lejn it-Tramuntana fil-bitħa ta' barra, u qies it-tul u l-wisa' tiegħu.

21Il-kmamar tiegħu, tlieta fuq naħa u tlieta fuq oħra; il-pilastri u l-portiku tiegħu kellhom qjies wieħed bħall-ewwel bieb: ħamsin driegħ tul u ħamsa u għoxrin wisa'.


© 2020 Malta Bible Society.

22It-twieqi tiegħu, il-portiku, u l-palm minquxa kienu tal-istess daqs bħall-bieb
li kien hemm iħares lejn il-Lvant; u kont titla' għalih b'seba' tarġiet u l-portiku
tiegħu kien jagħti għan-naħa ta' ġewwa.

23Il-bitħa ta' ġewwa kellha bieb biswit il-bieb tat-Tramuntana, l-istess bħal fuq
il-Lvant, u kejjel mitt driegħ minn bieb għal bieb.

### Il-bieb tan-Nofsinhar

24Imbagħad ħadni lejn in-Nofsinhar, fejn kien hemm bieb iħares lejn in-
Nofsinhar, u qies il-kmamar, u l-pilastri u l-portiku tiegħu; kienu tal-istess daqs
bħall-oħrajn.

25Il-portiku tiegħu kellu twieqi dawramejt bħat-twieqi l-oħra: ħamsin driegħ tul
u ħamsa u għoxrin driegħ wisa'.

26U kont titla' għalih b'seba' tarġiet, u l-portiku tiegħu kien in-naħa ta' ġewwa, u
kellu palm minqux fuq il-pilastri wieħed fuq kull naħa.

27U l-bitħa ta' ġewwa kellha wkoll bieb in-naħa tan-Nofsinhar; u kejjel mitt
driegħ minn bieb għal bieb.

28Imbagħad ħadni fil-bitħa ta' ġewwa mill-bieb tan-Nofsinhar u qies il-bieb tan-
Nofsinhar: kien tal-istess qisien.

29Il-kmamar, il-pilastri u l-portiku kienu daqs l-oħrajn. Kellu hu u l-portiku
tiegħu twieqi dawramejt.

30Kien twil ħamsin driegħ u wiesa' ħamsa u għoxrin driegħ u kien hemm mal-
idwar ħamsa u għoxrin driegħ tul u ħamsa wisa'.

31Il-portiku tiegħu kien fuq il-bitħa ta' barra, kellu palm minqux fuq il-pilastri u
t-taraġ tiegħu kellu tmien tarġiet.

32Imbagħad ħadni lejn il-bieb li jħares lejn il-Lvant, kejjel il-bieb, u kien tal-istess
qisien.

33Il-kmamar, il-pilastri u l-portiku kienu tal-istess daqs bħall-oħrajn; il-bieb u l-
portiku tiegħu kellhom twieqi dawramejt; kien twil ħamsin driegħ u wiesa'
ħamsa u għoxrin driegħ.

34Il-portiku tiegħu kien jagħti għal fuq il-bitħa ta' barra; kellu l-palm fuq il-
pilastri tiegħu minn naħa u minn oħra, u t-taraġ tiegħu kellu tmien tarġiet.

35U ħadni lejn il-bieb tat-Tramuntana, u kejjel u sab l-istess qisien;

36kmamar, pilastri u portiku, bit-twieqi dawramejt; twil ħamsin driegħ u wiesa'
ħamsa u għoxrin driegħ.

37Il-portiku kien fuq in-naħa ta' barra. Kellu l-palm minqux fuq il-pilastri minn
naħa u minn oħra, u t-taraġ tiegħu kellu tmien tarġiet.


© 2020 Malta Bible Society.

### Il-kmamar tal-ġnub

38 U kien hemm kamra bid-daħla tagħha fil-portiku tal-bieb, fejn kienu jaħslu l-vittmi għas-sagrifiċċju tal-ħruq.

39 Fil-portiku tal-bieb kien hemm żewġ imwejjed fuq naħa u tnejn fuq oħra biex joqtlu fuqhom il-vittmi tal-ħruq u l-vittmi tal-purifikazzjoni u l-vittmi tar-riparazzjoni.

40 Fuq in-naħa ta' barra, in-naħa tat-Tramuntana għal min ikun tiela' lejn dħul il-bieb, kien hemm żewġ imwejjed u tnejn oħra fuq il-ġenb l-ieħor, ħdejn il-portiku tal-bieb.

41 Erba' mwejjed fuq naħa, u erba' fuq oħra maġenb il-bieb, tmienja b'kollox, fuqhom kienu joqtlu l-vittmi.

42 Kien hemm erba' mwejjed oħra għall-vittmi tas-sagrifiċċji tal-ħruq, ta' ġebel minġur, twal driegħ u nofs, u wesgħin driegħ u nofs, u driegħ għolja. Fuqhom kienu jżommu t-tagħmir, li bih kienu joqtlu l-vittmi tas-sagrifiċċju tal-ħruq, ta' ġebel minġur, twal driegħ u nofs, u wesgħin driegħ u nofs, u driegħ għolja. Fuqhom kienu jżommu t-tagħmir, li bih kienu joqtlu l-vittmi tas-sagrifiċċju tal-ħruq u l-vittmi l-oħra.

43 Kien hemm imwaħħla fuq ġewwa dawramejt, ganċijiet twal xiber, u fuq l-imwejjed kienu jqiegħdu l-laħam tal-vittmi.

44 U daħħalni fil-bitħa ta' ġewwa fejn kien hemm żewġt ikmamar, waħda ħdejn il-bieb fuq it-Tramuntana tħares lejn in-Nofsinhar u l-oħra ħdejn il-bieb fuq in-Nofsinhar tħares lejn it-Tramuntana.

45 U qalli: "Din il-kamra li tħares lejn it-Tramuntana qiegħda għall-qassisin li jieħdu ħsieb is-servizz tat-tempju,

46 u l-kamra li tħares lejn in-Nofsinhar qiegħda għall-qassisin li jieħdu ħsieb l-artal; huma wlied Sadok, dawk li minn fost il-Leviti huma biss jistgħu jersqu lejn il-Mulej u jservuh."

47 U kejjel il-bitħa, kwadru ta' mitt driegħ tul u mitt driegħ wisa'. U kien hemm l-artal quddiem is-santwarju.

### Il-bini tat-tempju

48 Imbagħad daħħalni fil-portiku tas-santwarju, u kejjel il-pilastri tal-portiku; ħamest idriegħ minn naħa, u ħamest idriegħ mill-oħra. Il-wisa' tal-bieb kien ta' erbatax-il driegħ u l-ġnub tal-bieb kienu tlitt idriegħ minn naħa u tlitt idriegħ mill-oħra.

49 Il-portiku kien għoxrin driegħ twil u tnax-il driegħ wiesa'. Kont titla' għalih b'għaxar tarġiet, u ħdejn il-pilastri kien hemm żewġ kolonni waħda naħa u oħra n-naħa l-oħra.


© 2020 Malta Bible Society.

# Eżekjel 41

### Is-santwarju

1U daħħalni fis-santwarju u kejjel il-pilastri, u kienu wesgħin sitt idriegħ minn
ġenb u sitt idriegħ mill-ieħor.

2Il-wisa' tal-bieb kien għaxart idriegħ u l-ġnub tal-bieb kienu ħamest idriegħ
minn naħa u ħamsa min-naħa l-oħra. U kejjel ukoll it-tul tiegħu, u kien erbgħin
driegħ ħxuna u l-wisa' għoxrin driegħ.

3U daħal ġewwa u kejjel il-pilastri tad-daħla, żewġt idriegħ; il-bieb kien sitt
idriegħ, u l-wisa' tiegħu sebat idriegħ.

4U kejjel it-tul tiegħu li kien għoxrin driegħ, u l-wisa' għoxrin driegħ ieħor 'il
ġewwa min-nava. U qalli: "Dan hu l-Post il-Qaddis."

5Kejjel il-ħajt tas-santwarju: sitt idriegħ ħxuna u l-wisa' tal-bini tal-ġenb erbat
idriegħ, dawramejt mas-santwarju.

6Kien hemm mal-ġnub tliet sulari fuq xulxin, bi tletin kamra kull wieħed. Kien
hemm bħal xfar madwar is-santwarju biex fuqhom iserrħu dawn il-kmamar, u
hekk ma jkunux imqabbdin ġol-ħajt tas-santwarju.

7U l-kmamar kienu jitwessgħu aktar ma kienu jogħlew 'il fuq skont il-qjies tax-
xfar minn sular għal sular madwar is-santwarju, għax il-ħxuna tal-ħajt tas-
santwarju kienet tonqos aktar ma kienet togħla 'l fuq. Kien hemm ukoll garigor
jagħti għal fuq, u hekk kont titla' mis-sular ta' taħt nett, għas-sular tan-nofs, u
mbagħad għas-sular ta' fuq nett.

8U rajt madwar is-santwarju s-sisien tal-kmamar tal-ġnub; kienu għoljin qasba
sħiħa ta' sitt idriegħ tul.

9U l-ħxuna tal-ħajt tal-kmamar tal-ġnub kienet ta' ħamest idriegħ; kienu għoljin
qasba sħiħa u l-bankina kienet wiesgħa ħamest idriegħ.

10Bejn il-kmamar tal-ġenb tas-santwarju u bejn il-kmamar ta' barra kien hemm
għoxrin driegħ madwar is-santwarju dawramejt.

11U l-bibien tal-kmamar tal-ġenb kienu jagħtu għal fuq il-bankina vojta: bieb
wieħed fuq in-naħa tat-Tramuntana u bieb ieħor fuq in-Nofsinhar, u l-wisa' vojt
tal-bankina kien ta' ħamest idriegħ dawramejt.

12U l-bini li kien biswit il-wesgħa vojta, fuq in-naħa tal-Punent, kien wiesa'
sebgħin driegħ, u l-ħajt tal-bini kien oħxon ħamest idriegħ dawramejt u twil
disgħin driegħ.

13U kejjel is-santwarju li kien fih mitt driegħ tul u l-wesgħa vojta u l-bini u l-ħitan
tiegħu kienu mitt driegħ tul.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

14U l-wisa' tal-faċċata tas-santwarju u l-wesgħa vojta n-naħa tal-Lvant kienu wkoll mitt driegħ.

15Kejjel ukoll it-tul tal-bini biswit il-bitħa, fuq in-naħa ta' wara, u l-ħitan tiegħu, minn tarf sa tarf, u kienu ta' mitt driegħ.

### Is-santwarju minn ġewwa

Is-santwarju, il-post ta' ġewwa u l-portiku ta' barra,

16l-għetiebi, it-twieqi falza skorra u l-ħitan dawramejt, it-tlieta, sa mill-għatba, kienu miksija bl-injam dawramejt. Mill-art sat-twieqi, li kienu mgħottija,

17sa 'l fuq mill-bieb, sal-parti ta' ġewwa nett tat-tempju, fuq barra u fuq kull ħajt dawramejt, minn ġewwa u minn barra,

18kien hemm xbihat minquxa: kerubini u palm, palma bejn kerubin u ieħor. Kull kerubin kellu żewġt uċuħ:

19wiċċ ta' bniedem iħares lejn palma minn naħa u wiċċ ta' ljun iħares lejn palma min-naħa l-oħra, minquxa mas-santwarju kollu dawramejt.

20Mill-art sa 'l fuq mill-bieb kien hemm imnaqqxin fil-ħajt tas-santwarju dawramejt kerubini u palm.

21Il-ġnub tal-bieb tas-santwarju kienu kwadri u quddiem il-Post il-Qaddis kien hemm xi ħaġa tixbah

22lil artal tal-injam, għoli tlitt idriegħ u twil żewġt idriegħ u żewġt idriegħ wiesa'. Kellu l-kantunieri, il-maqgħad u l-ġnub tiegħu tal-injam. U qalli: "Din hi l-mejda ta' quddiem il-Mulej."

23Il-Post il-Qaddis u l-Post Qaddis kellhom żewġ bibien kull wieħed;

24kull bieb kellu żewġ battenti, u kull battent kien b'żewġ tebqiet jiltwew fuq xulxin, tnejn għal battent u tnejn għall-ieħor.

25Fuq il-bibien tal-Post Qaddis kien hemm minquxa kerubini u palm, bħalma kien hemm fuq il-ħitan. Kien hemm ukoll tisqifa tal-injam quddiem il-portiku minn barra;

26u t-twieqi falza skorra, u palm minqux fuq kull naħa fuq il-ġnub tal-portiku, il-bini mal-ġnub tat-tempju u t-tisqifa.

## Eżekjel 42

### Il-bini tal-qassisin

1Ħariġni barra fil-bitħa ta' barra min-naħa tat-Tramuntana, u ħadni ħdejn il-kmamar biswit il-wesgħa vojta u biswit il-bini fuq it-Tramuntana.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

2It-tul fuq in-naħa tat-Tramuntana kien ta' mitt driegħ, u l-wisa' ħamsin driegħ.

3Dan il-bini kien jasal sa għoxrin driegħ 'il barra min-naħa tal-bitħa ta' ġewwa u jieħu għaċ-ċangar tal-bitħa ta' barra. Biswit il-kmamar kien hemm setaħ fuq kull wieħed mit-tliet sulari kmamar.

4Bejn dawn iż-żewġ sulari kmamar, kien hemm passaġġ jieħu għal ġewwa għaxart idriegħ wiesa' u twil mitt driegħ; il-bwieb tagħhom kienu fuq it-Tramuntana.

5Il-kmamar ta' fuq kienu idjaq minn dawk tas-sular tan-nofs u ta' taħt nett, għaliex is-setaħ kien maqtugħ minnhom.

6Kienu mqassma fi tliet sulari u ma kellhomx kolonni bħall-kolonni tal-btieħi, għalhekk il-kmamar ta' fuq kienu idjaq minn dawk tan-nofs u ta' taħt nett fl-art.

7Kien hemm ħajt fuq barra matul il-kmamar, fuq in-naħa tal-bitħa ta' barra, biswit il-kmamar, twil ħamsin driegħ,

8għax it-tul tal-kmamar fuq in-naħa tal-bitħa ta' barra kien ħamsin driegħ, u dak tal-kmamar biswit is-santwarju kien ta' mitt driegħ.

9U 'l isfel minn dawn il-kmamar kien hemm il-bieb biex tidħol għalihom min-naħa tal-Lvant, mill-bitħa ta' barra

10fejn kien jibda l-ħajt tal-bitħa. In-naħa tan-Nofsinhar, quddiem il-wesgħa vojta u quddiem il-bini tas-santwarju, kien hemm ukoll il-kmamar.

11Quddiemhom kien hemm passaġġ bħal dak tal-kmamar fuq it-Tramuntana bl-istess tul u wisa' tagħhom; ħruġ, tifsila u dħul, kollox bħal tagħhom.

12U 'l isfel mill-kmamar fuq in-naħa tan-Nofsinhar kien hemm id-dħul fejn jibda l-ħajt ta' barra, biswit il-passaġġ maqtugħ u l-bini, inti u dieħel min-naħa tal-Lvant.

13U qalli: "Il-kmamar li hemm fuq in-naħa tat-Tramuntana u dik tan-Nofsinhar tal-wesgħa vojta huma l-kmamar tas-santwarju fejn il-qassisin, li jersqu lejn il-Mulej, jieklu l-aktar ħwejjeġ qaddisa; hawn iġibu l-offerti l-aktar qaddisa; l-offerti tal-qamħ, il-vittmi tal-purifikazzjoni u tar-riparazzjoni; għax dan il-post hu post qaddis.

14Meta l-qaddisin ikunu daħlu hawn, ma jkunux jistgħu joħorġu minn dan il-post qaddis għall-bitħa ta' barra qabel ma jneħħu minn fuqhom ilbieshom li bih ikunu għamlu s-servizz, għax qaddis hu. Imbagħad jilbsu lbies ieħor, u jkunu jistgħu jersqu lejn post il-poplu.

## Il-qisien tal-bitħa ta' ġewwa

15Meta spiċċa jieħu l-qjies tat-tempju minn ġewwa ħariġni mill-bieb li jħares lejn il-Lvant u qies madwaru kollu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

[16]Kejjel in-naħa tal-Lvant bil-qasba tal-qjies: ħames mitt driegħ skont il-qasba
tal-qjies. Dar

[17]u kejjel in-naħa tat-Tramuntana: ħames mitt driegħ skont il-qasba tal-qjies.
Dar

[18]lejn in-Nofsinhar u kejjel ħames mitt driegħ skont il-qasba tal-qjies.

[19]Imbagħad dar lejn il-Punent u kejjel ħames mitt driegħ skont il-qasba tal-qjies.

[20]Kejjel mill-erbat irjieħ; kien ħajt wieħed idawwar it-tempju minn kull naħa:
twil ħames mitt driegħ u wiesa' ħames mitt driegħ. Kien jifred il-qaddis mill-
profan.

# Eżekjel 43

### Il-glorja tal-Mulej timla t-tempju

[1]U ġiebni ħdejn il-bieb li jħares lejn il-Lvant.

[2]U, ara, il-glorja ta' Alla ta' Iżrael riesqa min-naħa tal-Lvant; il-ħoss tagħha bħall-
ħoss ta' gliegel ta' ilma, u l-art kienet tiddi bil-glorja tiegħu.

[3]U d-dehra li rajt kienet bħal dik id-dehra li kelli meta ġie biex jeqred il-belt u
bħal dik li kelli ħdejn ix-xmara Kebar. Jiena nxtħett wiċċi fl-art.

[4]U l-glorja tal-Mulej daħlet fis-santwarju mill-bieb li jagħti għan-naħa tal-Lvant.

[5]L-ispirtu refagħni u daħħalni fil-bitħa ta' ġewwa, u, ara, il-glorja tal-Mulej imliet
is-santwarju.

[6]U smajt min ikellimni mis-santwarju waqt li raġel kien wieqaf ħdejja.

[7]U qalli: "O bniedem, dan hu l-post tat-tron tiegħi, il-post fejn inqiegħed qiegħ
riġlejja, u li fih jien se ngħammar fost ulied Iżrael għal dejjem ta' dejjem. Qatt
iżjed dar Iżrael, huma u s-slaten tagħhom, ma jkasbru ismi l-qaddis biż-żina
tagħhom, u bl-iġsma mejta tas-slaten tagħhom.

[8]Għax huma qiegħdu l-għatba tagħhom ħdejn l-għatba tiegħi, il-ġnieb ta'
bwiebhom mal-ġnieb ta' bwiebi; daqsxejn ta' ħajt biss kien hemm bejni u
bejnhom. Kasbru bi qżiżijiethom ismi l-qaddis, għalhekk blajthom fil-korla
tiegħi.

[9]Ħa jwarrbu issa 'l bogħod minni ż-żina tagħhom u l-iġsma tas-slaten tagħhom,
u jien ngħammar f'nofshom għal dejjem.

### Il-liġi tat-tempju

[10]U inti, o bniedem, urihom lil dar Iżrael x'inhu t-tempju, il-qisien u t-tifsila
tiegħu, ħa jisthu minn ħżunithom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

11U jekk jistħu minn kulma għamlu, urihom is-sura tat-tempju, it-tifsila tiegħu, il-ħruġ u d-dħul tiegħu, it-tqassim tiegħu kollu, ir-riti u l-preskrizzjonijiet tiegħu kollha, u iktibhomlhom quddiem għajnejhom biex huma jħarsu r-riti u l-preskrizzjonijiet kollha, u jagħmluhom.

12Din hi l-liġi tat-tempju: il-quċċata tal-għolja, il-medda kollha tagħha dawramejt, tkun mill-aktar qaddisa. Din hi l-liġi tat-tempju.

### L-artal

13Dawn huma l-qisien tal-artal bl-idriegħ; id-driegħ hu driegħ bl-erbat iswaba' u wisa' ta' id. Il-bażi kienet għolja driegħ, u wiesgħa driegħ ieħor, u madwarha fix-xifer kellha bordura għolja xiber. U l-għoli tal-artal kien dan:

14mill-bażi fl-art sax-xifer tal-pjan ta' taħt żewġt idriegħ, u l-wisa' driegħ; u mill-pjan ta' taħt għall-pjan ta' fuq erbat idriegħ u l-wisa ta' driegħ;

15il-fuklar tal-artal kien erbat idriegħ għoli; u mill-fuklar kienu ħierġa 'l fuq erbat iqrun.

16Il-fuklar tal-artal kien tnax-il driegħ twil u tnax wiesa', kwadru fuq l-erbat iġnub.

17Il-pjan ta' taħt kien ta' erbatax-il driegħ tul b'erbatax-il driegħ wisa' fuq l-erbat iġnub; u l-bordura madwaru kienet għolja nofs driegħ, u l-bażi driegħ dawramejt. It-taraġ, imbagħad, kien iħares lejn il-Lvant.

18Imbagħad qalli: "O bniedem, dan jgħid Sidi l-Mulej: dawn huma l-liġijiet li jmissu l-artal għal meta jiġu biex jibnuh biex fuqu joffru s-sagrifiċċju u jroxxu d-demm fuqu.

19Int tagħti lill-qassisin Leviti, min-nisel ta' Sadok, li jersqu biex iservuni, oraklu ta' Sidi l-Mulej, għoġol għas-sagrifiċċju tal-purifikazzjoni.

20U tieħu mid-demm tiegħu, u ssawbu fuq l-erbat iqrun u l-erba' kantunieri tal-pjan u l-bordura ta' madwaru, u hekk tippurifikah u tagħmel tpattija għalih.

21U tieħu l-għoġol tas-sagrifiċċju tal-purifikazzjoni u taħarqu fil-post tat-tempju barra s-santwarju.

22U fit-tieni jum toffri b'sagrifiċċju ta' purifikazzjoni bodbod bla difett għas-sagrifiċċju tal-purifikazzjoni, u tippurifika l-artal bħalma tkun għamilt bl-għoġol.

23U meta ttemm il-purifikazzjoni toffri għoġol bla difett u muntun bla difett mill-imrieħel;

24toffrihom lill-Mulej: fuqhom il-qassisin jixħtu l-melħ u joffruhom b'sagrifiċċju tal-ħruq lill-Mulej.

25Għal sebat ijiem int toffri bodbod kuljum b'sagrifiċċju tal-purifikazzjoni; u joffru wkoll għoġol u muntun mill-imrieħel, it-tnejn bla difett.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

26Sebat ijiem tieħu l-purifikazzjoni tal-artal, u jnaddfuh u jikkonsagrawh.

27Meta jkunu ntemmu dawn il-jiem, fit-tmien jum, minn dakinhar 'il quddiem, il-
qassisin jibdew joffru fuq l-artal is-sagrifiċċji tal-ħruq tagħkom u s-sagrifiċċji
tas-sliem. Jiena mbagħad nitgħaxxaq bikom.

# Eżekjel 44

### Il-bieb il-magħluq

1U raġa' ħadni lejn il-bieb ta' barra tat-tempju, li jħares lejn il-Lvant: dan kien
magħluq.

2U qalli: "Dan il-bieb jibqa' magħluq: m'għandux jinfetaħ, u ħadd m'għandu
jgħaddi minnu għax il-Mulej, Alla ta' Iżrael, għadda minnu, għalhekk għandu
jibqa' magħluq.

3Il-prinċep, għax hu prinċep, jista' joqgħod bilqiegħda fih, u jiekol l-ikel quddiem
il-Mulej, imma jidħol u joħroġ mill-portiku." Oraklu ta' Sidi l-Mulej.

### Id-dħul fit-tempju

4U ħadni lejn il-bieb tat-Tramuntana biswit is-santwarju u, araw, jien rajt il-
glorja tal-Mulej timla s-santwarju tal-Mulej u nxtħett wiċċi fl-art.

5U qalli l-Mulej: "O bniedem, moħħok hawn! Ara b'għajnejk u isma' b'widnejk
kulma se ngħidlek fuq il-preskrizzjonijiet kollha ta' dar il-Mulej u l-liġijiet
tagħha, u żomm sewwa f'qalbek dwar min jista' jidħol fit-tempju u min għandu
jibqa' barra mis-santwarju.

6"U għid lix-xewwiexa ta' dar Iżrael: 'Dan jgħid Sidi l-Mulej: Ma kienx biżżejjed
għalikom l-għemil mistkerrah tagħkom, dar Iżrael,

7biex daħħaltu l-barrani bla ħtin f'qalbu u bla ħtin f'ġismu, fit-tempju tiegħi biex
niġġistuh, waqt li kontu toffruli l-ħobż u x-xaħam u d-demm; u ġibtu fix-xejn il-
patt tiegħi bl-għemejjel tagħkom?

8Flok ħadtu ħsieb il-ħwejjeġ qaddisa intom, qabbadtu oħrajn iservuni fit-tempju
tiegħi.

9Għalhekk dan jgħid Sidi l-Mulej: Ebda barrani, bla ħtin f'qalbu u bla ħtin f'ġismu,
ma jidħol fit-tempju tiegħi; ebda barrani minn dawk li jgħammru fost ulied
Iżrael.

### Il-Leviti

10"Il-Leviti, imbagħad, li tbiegħdu minni meta Iżrael twarrab minni għal wara
allathom, ikollhom jitgħabbew bil-ħażen tagħhom.


© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

11 Ikollhom iservu fit-tempju tiegħi bħala għases fil-bwieb tat-tempju u qaddejja tat-tempju; joqtlu l-vittma għas-sagrifiċċju tal-ħruq u l-vittmi l-oħra għall-poplu, u huma jibqgħu hemm biex iservuhom.

12 Għax huma kienu jservuhom quddiem l-allat tagħhom u kienu huma li waqqgħu lil dar Iżrael fil-ħażen. Għalhekk jien erfajt idejja u ħlift kontrihom, oraklu ta' Sidi l-Mulej, huma jħallsu ta' dnubhom.

13 Ma jersqux lejja biex iservuni ta' qassisin, lanqas jersqu lejn il-ħwejjeġ ikkonsagrati u l-aktar qaddisa tiegħi, imma jħallsu għall-għajb tagħhom u l-għarukażijiet li għamlu.

14 Nagħmilhom servi tat-tempju, għax-xogħol kollu tiegħu u kulma jsir fih.

### Il-qassisin

15 "Il-qassisin Leviti, nisel Sadok, li ħadu ħsieb is-servizz tat-tempju tiegħi meta twarrbu minni wlied Iżrael, huma jersqu lejja biex iservuni u jibqgħu quddiemi biex joffruli x-xaħam u d-demm, oraklu ta' Sidi l-Mulej.

16 Huma jidħlu fit-tempju tiegħi, u huma jersqu lejn il-mejda tiegħi biex iservuni, u jħarsu s-servizzi tiegħi.

17 "Meta jiġu biex jidħlu mill-bieb tal-bitħa ta' ġewwa, għandhom jilbsu lbies tal-għażel, u m'għandhomx ikollhom fuqhom ħwejjeġ tas-suf waqt is-servizz tagħhom fil-bieb tal-bitħa ta' ġewwa jew tas-santwarju.

18 Għandu jkollhom turbanti tal-għażel fuq rashom u srawal tal-għażel ma' qaddhom; ma jitħażżmux bi ħwejjeġ li jġagħluhom jegħrqu.

19 Meta joħorġu fil-bitħa ta' barra lejn il-poplu, jinżgħu lbieshom li jkunu għamlu s-servizz bih u jqegħduh fil-kmamar tas-santwarju, u mbagħad ixiddu lbies ieħor biex ma jqaddsux il-poplu bi ħwejjiġhom.

20 Ma jqaxxrux il-qorriegħa ta' rashom, u lanqas m'għandhom iħallu xagħarhom jitwal, imma jżommuh maqtugħ sewwa.

21 L-ebda qassis m'għandu jixrob inbid meta jidħol fil-bitħa ta' ġewwa.

22 Lanqas m'għandhom jieħdu b'marthom mara armla jew miċħuda minn żewġha, imma jieħdu xebbiet minn nisel Iżrael jew xi armla minn xi qassis.

23 "Għandhom juru lill-poplu tiegħi kif jagħżel dak li hu sagru minn dak li hu profan, u jgħallmuhom jagħżlu bejn dak li hu mniġġes u dak li hu nadif.

24 "Fil-kawżi jagħmluha ta' mħallfin huma: jaqtgħu s-sentenza skont il-liġijiet tiegħi, u jħarsu l-liġijiet u l-preċetti tiegħi fil-festi kollha tiegħi, u jqaddsu Sibtijieti.

25 "Ma jersqux lejn bniedem mejjet, għax jitniġġsu. Jistgħu jitniġġsu biss jekk ikun missier, omm, iben, bint, ħu jew oħt li ma jkollhiex raġel.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

26Wara li wieħed ikun tnaddaf, jgħodd sebat ijiem;

27u dakinhar li jidħol fis-santwarju, fil-bitħa ta' ġewwa, biex jagħmel is-servizz
fis-santwarju, joffri sagrifiċċju tal-purifikazzjoni, oraklu ta' Sidi l-Mulej.

28"Wirt ma jkollhomx, għax jiena wirthom, u ma tingħatalhom ebda proprjetà
f'Iżrael, jiena l-proprjetà tagħhom.

29L-offerti tal-qamħ, u l-vittmi għas-sagrifiċċji tal-purifikazzjoni u tar-
riparazzjoni, jikluhom huma; u kulma jkun ikkonsagrat f'Iżrael ikun tagħhom.

30Lill-qassisin imiss l-aħjar tal-bikri ta' kull xorta u kull għotja mill-offerti
tagħkom ta' kull xorta; u l-aħjar tal-għaġna tagħkom tagħtuh lill-qassisin, biex
tniżżel il-barka fuq darek.

31L-ebda tajra jew bhima, mejta jew żbranata, m'għandhom jieklu l-qassisin."

## Eżekjel 45

### It-tqassim tal-art

1"Meta tiġu biex tqassmu bix-xorti l-art, il-wirt tagħkom, erfgħu sehem għall-
Mulej; biċċa art qaddisa, twila ħamsa u għoxrin elf driegħ u wiesgħa għoxrin elf:
tkun art sagra fil-medda tagħha kollha dawramejt.

2Minn din il-wesgħa tinqata' biċċa kwadra għat-tempju, ħames mija b'ħames
mitt driegħ mill-erbat iġnieb tagħha, u wesgħa oħra ta' ħamsin driegħ
madwarha.

3Minn din il-medda qis ħamsa u għoxrin elf driegħ tul u għaxart elef wisa', fiha
jkun hemm it-tempju, il-post l-aktar sagru.

4Din tkun l-aktar biċċa sagra mill-art kollha; tkun tal-qassisin ministri fis-
santwarju, li jersqu biex iservu lill-Mulej, u tkun għalihom il-post għad-djar u l-
mergħa għall-imrieħel;

5U ħamsa u għoxrin elf driegħ tul u għaxart elef wisa' jkunu proprjetà tal-Leviti
li jservu fit-tempju, biex ikollhom bliet fejn jgħixu.

6U bħal proprjetà għall-belt ħallu biċċa ta' ħamest elef wisa' u tul ta' ħamsa u
għoxrin elf driegħ matul il-parti sagra, u din tkun tad-dar kollha ta' Iżrael.

7Lill-prinċep imbagħad tkun tmiss il-medda tal-art fuq il-ġnieb tal-parti sagra u
tal-parti tal-belt matul il-waħda u l-oħra, min-naħa tal-Punent sal-baħar, u min-
naħa tal-Lvant sal-fruntiera tal-Lvant u t-tul ikun daqs dak ta' parti waħda minn
xatt il-baħar sal-fruntiera tal-Lvant.

8Din tkun l-art tiegħu, proprjetà tiegħu f'Iżrael; hekk il-prinċpijiet tiegħi ma
jaħqrux aktar il-poplu tiegħi, imma jħallu art lil dar Iżrael skont it-tribujiet
tagħhom."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

### Kejl u wżin

9Dan jgħid Sidi l-Mulej: "Issa biżżejjed, prinċpijiet ta' Iżrael, warrbu l-vjolenza u l-moħqrija, u agħmlu l-ħaqq u s-sewwa, tisirqux iżjed il-poplu tiegħi, oraklu ta' Sidi l-Mulej.

10Ha jkollkom miżien sewwa, efa sewwa, u bat sewwa.

11Ha jkunu l-efa u l-bat ta' kejl wieħed, li l-bat ikun jesa' minn għaxra waħda ta' ħomer, u l-efa minn għaxra waħda ta' ħomer; il-kejl tagħhom ikun skont il-ħomer.

12U x-xekel ikun ta' għoxrin gera; ħames xwiekel ikunu ħamsa, għoxrin xekel ikunu għoxrin, u ħamsin xekel ikunu l-mina tagħkom.

### L-offerti

13"Din hi l-offerta li għandkom terfgħu: waħda minn sitta ta' efa minn kull ħomer qamħ, u waħda minn sitta ta' efa minn kull ħomer xgħir.

14U r-regola għaż-żejt tkun waħda minn għaxra ta' bat minn kull kor, għaliex għaxar batiet jagħmlu ħomer.

15U nagħġa minn kull merħla ta' mitejn mill-mergħat għammiela ta' Iżrael għall-offerta, u l-vittmi għas-sagrifiċċji tal-ħruq, is-sagrifiċċji tas-sliem, biex taqlgħalkom il-maħfra, oraklu ta' Sidi l-Mulej.

16"Il-poplu kollu għandu jagħti din l-offerta lill-prinċep ta' Iżrael.

17Il-prinċep, imbagħad, ikollu d-dmir li jaħseb għas-sagrifiċċji tal-ħruq, l-offerta tal-qmuħ u l-libazzjonijiet fil-festi, fil-qamar ġdid, fis-Sibtijiet, u fil-btajjel kollha ta' Iżrael; hu għandu jaħseb għas-sagrifiċċji tal-purifikazzjoni, l-offerta tal-qmuħ, is-sagrifiċċji tal-ħruq, is-sagrifiċċji tas-sliem għall-maħfra ta' dar Iżrael."

### Il-festa tal-Għid

18Dan jgħid Sidi l-Mulej: "Fl-ewwel xahar, fl-ewwel tax-xahar, tieħu għoġol bla difett u tnaddaf is-santwarju.

19U l-qassis jieħu mid-demm tal-vittma tal-purifikazzjoni u jroxx minnu mal-ġnub tal-bwieb tas-santwarju, fuq l-erba' kantunieri tal-bażi tal-artal u fuq l-ġnub ta' bwieb il-bitħa ta' ġewwa.

20Hekk ukoll tagħmel fis-sebgħa tax-xahar għal kull min ikun dineb b'aljenazzjoni jew għax ma kienx jaf: hekk tippurifika s-santwarju.

21Fl-erbatax tal-ewwel xahar ikollhom il-festa tal-Għid, u għal sebat ijiem jittiekel ħobż bla ħmira.

22Dakinhar il-prinċep joffri għoġol b'sagrifiċċju tal-purifikazzjoni għalih u għall-poplu kollu tal-pajjiż.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

23U matul is-sebat ijiem tal-festa joffri sagrifiċċju tal-ħruq lill-Mulej ta' seba'
għoġiela u seba' mtaten bla difett kull jum għal sebat ijiem, u bodbod
b'sagrifiċċju tal-purifikazzjoni kull jum.

24U ssir offerta tal-qmuħ: efa mal-għoġol u mal-muntun, u ħin żejt ma' kull efa.

### Fil-festa tat-Tabernakli

25"Fil-ħmistax il-jum tas-seba' xahar, fil-festa, joffri għal sebat ijiem dawn l-istess
ħwejjeġ, sagrifiċċji tal-purifikazzjoni, sagrifiċċji tal-ħruq, offerta tal-qmuħ u taż-
żejt."

## Eżekjel 46

### Is-Sibtijiet

1Dan jgħid Sidi l-Mulej: "Il-bieb tal-bitħa ta' ġewwa li jħares fuq il-Lvant jibqa'
magħluq fis-sitt ijiem tax-xogħol, u jinfetaħ nhar ta' Sibt u fl-ewwel tax-xahar,
jum il-qamar ġdid.

2U l-prinċep jidħol mill-portiku tal-bieb min-naħa ta' barra u jieqaf ħdejn il-
koxox tal-bieb: imbagħad il-qassisin joffru s-sagrifiċċji tiegħu tal-ħruq u tas-
sliem, u hu jadura minn fuq l-għatba tal-bieb u joħroġ. U l-bieb ma jingħalaqx
qabel filgħaxija.

3U l-poplu tal-pajjiż jadura fid-daħla ta' dan il-bieb fis-Sibtijiet u f'jum il-qamar
ġdid quddiem il-Mulej.

4"Is-sagrifiċċju tal-ħruq li joffri l-prinċep nhar ta' Sibt ikun ta' sitt iħrief bla difett
u muntun bla difett.

5L-offerta tal-qmuħ tkun ta' efa mal-muntun; u mal-ħrief din l-offerta tkun ta'
kemm ikun jogħġbu jagħti, u jżid ħin żejt ma' kull efa.

6U f'jum il-qamar ġdid ikun għoġol bla difett, sitt iħrief u bodbod bla difett.

7U l-offerta tal-qmuħ tkun ta' efa mal-għoġol u l-bodbod, u ta' kemm wieħed ikun
jogħġbu jagħti dik ta' mal-ħrief, u jżid ħin żejt ma' kull efa.

### Liġijiet ritwali

8"Meta jidħol il-prinċep, jidħol u joħroġ mill-portiku tal-bieb.

9U meta fil-festi jidħol il-poplu tal-pajjiż għal quddiem il-Mulej, min jidħol mill-
bieb tan-Nofsinhar joħroġ mill-bieb tat-Tramuntana: Hadd ma jerġa' joħroġ
mill-bieb li minnu jkun daħal, imma joħorġu minn dak ta' biswitu.

10Il-prinċep imbagħad li jkun f'nofshom, jidħol meta jidħlu huma u joħroġ meta
joħorġu huma.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

11“Fil-festi u fis-sollennitajiet l-offerta tal-qmuħ tkun ta’ efa għall-għoġol, u ta’ efa għall-muntun, u għall-ħrief skont ma wieħed ikun jogħġbu jagħti u jżid ħin żejt għal kull efa.

12Meta l-prinċep jagħmel sagrifiċċju minn rajh, sagrifiċċju tal-ħruq jew tas-sliem, lill-Mulej, jiftħulu l-bieb li jħares lejn il-Lvant, u jagħmel is-sagrifiċċju tiegħu tal-ħruq u s-sagrifiċċju tas-sliem, bħalma joffrih nhar ta’ Sibt f’jum is-Sibt; imbagħad joħroġ, u meta jkun ħareġ jagħlqu l-bieb.

13“Kull jum għandek toffri b’sagrifiċċju tal-ħruq ħaruf ta’ sena bla difett lill-Mulej, toffrih filgħodu.

14U tagħmel ukoll kull filgħodu l-offerta tal-qmuħ miegħu: waħda minn sitta ta’ efa, u żejt waħda minn tlieta ta’ ħin biex troxxu fuq is-smid, offerta lill-Mulej. Din tkun liġi għal dejjem.

15U jagħmlu l-offerta tal-ħaruf u l-offerta tal-qmuħ, u taż-żejt kull filgħodu: sagrifiċċju tal-ħruq għal dejjem.”

### Il-prinċep u l-art

16Dan jgħid Sidi l-Mulej: “Jekk il-prinċep jagħti xi rigal mill-wirt tiegħu lil xi ħadd minn uliedu, dan jibqa’ ta’ wliedu; ikun tagħhom b’wirt.

17U jekk jagħti xi rigal mill-wirt tiegħu lil xi ħadd mill-uffiċjali tiegħu, dan jibqa’ tiegħu sas-sena tal-fidwa, imbagħad jerġa’ jmur għand il-prinċep; biss il-wirt ta’ wliedu jibqa’ tagħhom għal dejjem.

18Il-prinċep m’għandu qatt jieħu għalih mill-wirt tal-poplu billi jgħakkishom u jċaħħadhom minn ġidhom; dak li hu tiegħu jħallih b’wirt lil uliedu, biex ħadd mill-poplu tiegħi ma jkun imkeċċi mill-proprjetà tiegħu.”

### Kċejjen tat-tempju

19U ġiebni fid-daħla ta’ maġenb il-bieb ħdejn il-kmamar tas-santwarju tal-qassisin li jħarsu lejn it-Tramuntana, u kien hemm post ’il ġewwa n-naħa tal-Punent.

20U qalli: “Hawn hu l-post fejn il-qassisin isajru l-vittmi għas-sagrifiċċju tar-riparazzjoni u dawk tas-sagrifiċċju tal-purifikazzjoni, u fejn jaħmu l-offerta tal-qmuħ biex ma joħorġuhomx fil-bitħa ta’ barra; u hekk ma jitqaddisx il-poplu.”

21U ħariġni fil-bitħa ta’ barra, għaddieni mill-erba’ rkejjen tal-bitħa, u ara, kien hemm bitħa f’kull rokna tal-bitħa.

22Fl-erba’ rkejjen tal-bitħa kien hemm btieħi magħluqa għalihom, twal erbgħin driegħ u wesgħin tletin; l-erba’ ta’ qjies wieħed.

23Kien hemm ħajt madwarhom l-erbgħa u dawramejt taħt il-ħajt kien hemm mibnija fuklarijiet.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

24U qalli: "Dawn huma l-kċejjen fejn is-servi tat-tempju jsajru l-vittmi tal-poplu."

## Eżekjel 47

### L-ilma ġieri mit-tempju

1Imbagħad ħadni lura ħdejn il-bieb tas-santwarju; u ara, kien hemm l-ilma ħiereġ minn taħt l-għatba tas-santwarju lejn il-Lvant - għax is-santwarju kien iħares lejn il-Lvant. U l-ilma kien ħiereġ min-naħa tal-lemin tal-għatba, in-naħa tan-Nofsinhar tal-altar.

2Imbagħad ħariġni mill-bieb tat-Tramuntana u mexxieni madwar, minn barra, sal-bieb ta' barra li jħares lejn il-Lvant; u l-ilma kien inixxi min-naħa tal-lemin tal-għatba.

3Xħin ħareġ dan ir-raġel għan-naħa tal-Lvant, kellu f'idu il-ħajt tal-qjies. Imbagħad qies elf driegħ, u għaddieni mill-ilma li kien jilħaq sal-għekiesi.

4Raġa' qies elf oħra, u għaddieni mill-ilma jilħaq sa rkupptejja. Qies elf oħra, u għaddieni mill-ilma jilħaqli sa ġenbejja.

5Imbagħad qies elf oħra, u ma stajtx naqsam, għax l-ilma tant għola li kont tista' tgħum fih, xmara li ma tistax taqsamha.

6Imbagħad qalli: "Rajtu dan, o bniedem?" U ħadni fuq xatt ix-xmara u rġajna lura.

7U ara, kif konna rieġgħa lura, rajt ħafna siġar ma' xatt ix-xmara, fuq naħa u fuq oħra.

8U qalli: "Dan l-ilma ħiereġ lejn in-naħa tal-Lvant u nieżel lejn l-Għaraba; u meta jasal fil-Baħar il-Mejjet b'dak l-ilma mielaħ, l-ilma jsir ilma ħelu.

9U jiġri li, kull fejn tgħaddi dik ix-xmara, kull ħaġa ħajja li tiċċaqlaq tgħix; u jkun hemm kotra kbira ta' ħut, għax, minn kull fejn jgħaddi dak l-ilma, l-ilma jitjieb u jkun hemm il-ħajja minn kull fejn tgħaddi x-xmara.

10U f'xatt ix-xmara jkun hemm is-sajjieda, u x-xbiek tagħhom ikunu mifruxa minn Għajn-geddi sa Għajn Għeglajm, u l-ħut ikun ta' kull ġens u kotran daqs il-ħut tal-baħar il-kbir.

11Imma l-ilma qiegħed u l-għadajjar ma jitjibux, imma jibqgħu mielħa.

12Fuq iż-żewġt ixtut tax-xmara jikbru siġar ta' kull ġens ta' frott; il-weraq tagħhom ma jidbielx, il-frott tagħhom ma jonqosx. Kull xahar jagħmlu frott ġdid, għax l-ilma tagħhom ħiereġ mit-tempju, u l-frott tagħhom ikun ikel, u l-weraq duwa."

### Iżrael il-ġdid

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[13]Dan jgħid Sidi l-Mulej: "Dawn huma l-oqsma li fihom għandkom tqassmu l-art
bejn it-tnax-il tribù ta' Iżrael: żewġt ishma lil Ġużeppi.

[14]U għandkom tqassmuha 'l-wieħed u 'l-ieħor indaqs, l-art li jien erfajt idi u ħlift
li nagħtiha lil missirijietkom, għax dan il-pajjiż imiss lilkom b'wirt.

[15]"Dawn huma l-fruntieri tal-art in-naħa tat-Tramuntana mill-Baħar il-Kbir,
tgħaddi minn Hetlon, sad-daħla ta' Hamat, Sedad,

[16]Berot, Sibrajm, li hemm bejn il-fruntiera ta' Damasku u l-fruntiera ta' Hamat,
sa Ħasar-għenon, li jiġi fuq il-fruntiera ta' Hawran.

[17]Il-fruntiera mela tibda mill-baħar u tibqa' sejra sa Hasar-għenon, hekk li fuq
nett ikollha l-fruntiera ta' Damasku u l-fruntiera ta' Hamat, it-tnejn fuq it-
Tramuntana tagħha.

[18]In-naħa tal-Lvant il-fruntiera tgħaddi minn bejn Hawran u bejn Damasku, bejn
Gilgħad u l-pajjiż ta' Iżrael, il-Ġordan iservi ta' fruntiera sal-baħar tal-Lvant, sa
Tamar. Din hi l-fruntiera fuq il-Lvant.

[19]"Il-fruntiera fuq in-naħa tan-Nofsinhar: minn Tamar sal-ilmijiet ta' Meribat-
kades, sal-wied tal-Eġittu, sal-Baħar il-Kbir. Din tkun il-fruntiera ta' isfel, lejn in-
Nofsinhar.

[20]Għan-naħa tal-Punent il-Baħar il-Kbir ikun il-fruntiera minn biswit id-daħla ta'
Hamat. Din tkun il-fruntiera fuq il-Punent.

### L-ishma tat-Tramuntana

[21]"Din l-art taqsmuha bejnietkom skont it-tribujiet ta' Iżrael.

[22]Ittellgħu x-xorti għaliha biex tirtuha intom u l-barranin li jgħixu f'nofskom, u li
wildu 'l uliedhom f'nofskom; tqisuhom bħan-nies tal-pajjiż, bħal ulied Iżrael;
magħkom itellgħu x-xorti għall-art b'wirt fost it-tribujiet ta' Iżrael.

[23]U tagħtuh sehem b'wirt fit-tribù li jkun jgħammar ta' frustier fiha," oraklu ta'
Sidi l-Mulej.

## Eżekjel 48

[1]"Dawn huma l-ismijiet tat-tribujiet: fuq il-fruntiera tat-Tramuntana mill-baħar
matul it-triq li tieħu lejn Hetlon sad-daħla ta' Hamat, sa Hasar-għenon, bl-art ta'
Damasku fuq it-Tramuntana, ħdejn Hamat, kull waħda jkollha sehem min-naħa
tal-Lvant għan-naħa tal-Punent: Dan sehem wieħed.

[2]"U jmiss ma' Aser min-naħa tal-Lvant għan-naħa tal-Punent: Aser, sehem
wieħed.

[3]"U jmiss ma' Aser min-naħa tal-Lvant għan-naħa tal-Punent: Naftali, sehem
wieħed.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

4“U jmiss ma’ Naftali min-naħa tal-Lvant għan-naħa tal-Punent: Manassi, sehem wieħed.

5“U jmiss ma’ Manassi min-naħa tal-Lvant għan-naħa tal-Punent: Efrajm, sehem wieħed.

6“U jmiss ma’ Efrajm min-naħa tal-Lvant għan-naħa tal-Punent: Ruben, sehem wieħed.

7“U jmiss ma’ Ruben min-naħa tal-Lvant għan-naħa tal-Punent: Ġuda, sehem wieħed.

### L-art sagra maqtugħa għaliha

8“U jmiss ma’ Ġuda, min-naħa tal-Lvant san-naħa tal-Punent, ikun hemm sehem maqtugħ għalih, wiesa’ ħamsa u għoxrin elf driegħ u twil daqs l-ishma l-oħra, min-naħa tal-Lvant san-naħa tal-Punent: f’nofsu jkun hemm it-tempju.

9Is-sehem imbagħad li taqtgħu għall-Mulej ikun twil ħamsa u għoxrin elf driegħ u għoxrin elf wisa’.

10“Is-sehem sagru jkun merfugħ għal dawn: in-naħa tat-Tramuntana għall-qassisin: ħamsa u għoxrin elf fuq it-Tramuntana u n-naħa tal-Punent għaxart elef driegħ wiesa’, u n-naħa tal-Lvant għaxart elef wiesa’, u n-naħa tan-Nofsinhar ħamsa u għoxrin elf twil, u f’nofsu jkun hemm it-tempju tal-Mulej.

11Ikun dan is-sehem tal-qassisin ikkonsagrati, ulied Sadok, li jieħdu ħsieb is-servizz tiegħi, għax dawn ma twarrbux minni meta twarrbu wlied Levi.

12Huma jkollhom dan is-sehem, is-sehem l-aktar qaddis, maqtugħ mill-art matul il-limitu tal-Leviti.

13Il-Leviti, imbagħad, ikollhom is-sehem li jmiss mal-limitu tal-qassisin, ħamsa u għoxrin elf driegħ tul u għaxart elf driegħ u wisa’ ta’ għoxrin elf.

14Ma jistgħu jbigħu ebda biċċa minnu u anqas ipartu jew iwellu l-aħjar tal-art, għax hi kkonsagrata lill-Mulej.

15“Il-ħamest elef driegħ wisa’ li jifdal mill-ħamsa u għoxrin wisa’ tkun art profana merfugħa għall-belt, għad-djar u għar-raba’; u l-belt tkun f’nofsha.

16Dawn huma l-qisien tagħha: in-naħa tat-Tramuntana erbat elef u ħames mitt driegħ, in-naħa tan-Nofsinhar erbat elef u ħames mija, in-naħa tal-Lvant erbat elef u ħames mija, u dik tal-Punent erbat elef u ħames mija.

17Il-belt ikollha qatgħa raba’ ta’ mitejn u ħamsin driegħ in-naħa tat-Tramuntana, mitejn u ħamsin in-naħa tan-Nofsinhar, mitejn u ħamsin in-naħa tal-Lvant, u mitejn u ħamsin in-naħa tal-Punent.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

18“U l-art li jifdal mit-tul matul il-biċċa sagra, jiġifieri għaxart elef driegħ fuq il-Lvant, u għaxart elef in-naħa tal-Punent, il-frott tagħha jmur għall-ikel tal-ħaddiema tal-belt.

19Jaħdmuha l-ħaddiema tal-belt miġbura mit-tribujiet kollha ta’ Iżrael.

20Il-biċċa maqtugħa għaliha tkun kwadru ta’ ħamsa u għoxrin elf driegħ b’ħamsa u għoxrin elf driegħ. Taqtgħu għalihom flimkien l-art sagra u l-proprjetà tal-belt.

21“Il-prinċep, imbagħad, imissu l-bċejjeċ li jifdal fuq iż-żewġ naħat tal-parti sagra u tal-biċċa tal-belt matul il-ħamsa u għoxrin elf driegħ lejn il-Lvant sat-truf tal-Lvant, u fuq in-naħa tal-Punent matul il-ħamsa u għoxrin elf sat-truf tal-Punent matul il-qasmiet tat-tribujiet. Dan kollu jkun tal-prinċep. Il-biċċa art sagra u s-santwarju tat-tempu jkunu f’nofsha.

22Il-parti tal-Leviti u l-parti tal-belt ikunu bejn l-oqsma tal-prinċep, u l-art tiegħu tkun bejn il-limiti ta’ Ġuda u ta’ Benjamin.

## L-oqsma tan-Nofsinhar

23Il-bqija tat-tribujiet min-naħa tal-Lvant għan-naħa tal-Punent: Benjamin, sehem wieħed.

24U jmiss ma’ Benjamin min-naħa tal-Lvant għan-naħa tal-Punent: Simgħon, sehem wieħed.

25U jmiss ma’ Simgħon min-naħa tal-Lvant għan-naħa tal-Punent: Issakar, sehem wieħed.

26U jmiss ma’ Issakar min-naħa tal-Lvant għan-naħa tal-Punent: Żebulun, sehem wieħed.

27U jmiss ma’ Żebulun min-naħa tal-Lvant għan-naħa tal-Punent: Gad, sehem wieħed.

28U jmiss ma’ Gad, ’l isfel in-naħa tan-Nofsinhar, il-fruntiera tgħaddi minn Tamar sal-ilmijiet ta’ Meribat-kades sal-wied tal-Eġittu, sal-Baħar il-Kbir.

29Din hi l-art li għandkom tqassmu b’wirt bejn it-tribujiet ta’ Iżrael, u dawn huma l-oqsma tagħhom,” oraklu tal-Mulej.

## Il-bibien tal-belt

30Dawn huma l-bibien tal-belt, min-naħa tat-Tramuntana, medda ta’ erbat elef u ħames mitt driegħ.

31U l-bibien jissemmew għat-tribujiet ta’ Iżrael, tlieta fuq it-Tramuntana: bieb Ruben, bieb Ġuda, bieb Levi;

32u fuq in-naħa tal-Lvant, medda ta’ erbat elef u ħames mitt driegħ, ikun hemm tliet bibien: bieb Ġużeppi, bieb Benjamin, u l-ieħor bieb Dan.


© 2020 Malta Bible Society.

33U fuq in-naħa tan-Nofsinhar, medda ta' erbat elef u ħames mitt driegħ, ikun hemm tliet bibien: bieb Simgħon, bieb Issakar, u bieb Żebulun.

34Fuq in-naħa tal-Punent erbat elef u ħames mitt driegħ, ikun hemm tliet bibien: bieb Gad, bieb Aser, u bieb Naftali.

35Id-dawra tal-belt tkun ta' tmintax-il elf driegħ; u minn dak in-nhar isem il-belt ikun: "Hemm il-Mulej!"

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

# Danjel bil-Grieg 1

### Iż-żgħażagħ Għebrej fil-palazz ta’ Nabukodonosor

1 Fit-tielet sena tas-saltna ta’ Ġeħojakim is-Sultan ta’ Ġuda, Nabukodonosor, is-sultan ta’ Babilonja, tala’ Ġerusalemm biex jaħbat għaliha.

2 U Alla Sidi telaqlu f’idejh lil Ġeħojakim, sultan ta’ Ġuda, u xi ħaġa mit-tagħmir tat-tempju ta’ Alla; u hu ġarrhom fl-art ta’ Singħar, fid-dar tal-alla tiegħu, u qegħedhom fit-teżor tat-tempju tal-alla tiegħu.

3 Imbagħad is-sultan ordna lil Asfenaż, il-kbir fost l-uffiċjali tiegħu, biex iġib lil xi wħud mill-Iżraelin, kemm minn nisel is-sultan u kemm minn tal-kbarat,

4 żgħażagħ li ma jkun fihom ebda difett, sbieħ f’surithom, imħarrġin f’kull għerf, mogħnija bid-dehen, jafu jħaddmu l-għaqal, u li jkunu jinqalgħu biex jaqdu fil-palazz tas-sultan, biex lilhom Asfenaż jgħallimhom il-kitba u l-ilsien tal-Kaldin.

5 Is-sultan ried ukoll li ta’ kuljum jibda jingħatalhom sehem mill-ikel tas-sultan u mill-inbid li kien jixrob hu, u li jibqgħu jitħarrġu għal tliet snin, meta mbagħad jibdew jidhru quddiem is-sultan.

6 Fosthom kien hemm Danjel, Hananija, Misael u Għażarija, minn ulied Ġuda.

7 Lilhom il-kap tal-uffiċjali tahom ismijiet oħra: lil Danjel semmieh Beltesassar, lil Hananija Sidrak, lil Misael Mesak, u lil Għażarija Għabednegu.

8 Issa Danjel kien għamel il-ħsieb li ma jitniġġisx bl-ikel tas-sultan u bl-inbid li kien jixrob hu, u talab lill-kap tal-uffiċjali biex ma jniġġisx.

9 U Alla ta lil Danjel li jsib tjieba u ħniena quddiem il-kap tal-uffiċjali.

10 Dan, iżda, qal lil Danjel: “Nibża’ minn sidi s-sultan, li ordna x’għandkom tieklu u tixorbu, li ma jmurx jaralkom wiċċkom mixrub aktar minn dak taż-żgħażagħ l-oħra ta’ mparkom; inkella mbagħad rasi jkollha tagħmel tajjeb għalikom quddiem is-sultan!”

11 Imbagħad Danjel qal lill-uffiċjal li kien tqabbad mill-kap tal-uffiċjal biex jieħu ħsieb Danjel, Hananija, Misael u Għażarija:

12 “Nitolbok tagħmel prova ta’ għaxart ijiem fuq il-qaddejja tiegħek, biex lilna tagħtina nieklu ħxejjex u nixorbu l-ilma.

13 Imbagħad ejja ħares lejna u lejn iż-żgħażagħ l-oħra li jieklu mill-ikel tas-sultan, u fuq dak li tara, imxi mal-qaddejja tiegħek.”

14 Hu qagħad għal dak li qalulu, u għaddiehom minn prova ta’ għaxart ijiem.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[15]Meta għaddew l-għaxart ijiem, dehru li kienu sbieħu u tqawwew f'ġisimhom
aktar miż-żgħażagħ l-oħra li kienu jieklu mill-ikel tas-sultan.

[16]Għalhekk l-uffiċjal neħħielhom l-ikel speċjali tagħhom u l-inbid li tahom
jixorbu, u newlilhom il-ħxejjex.

[17]U lil dawk l-erba' żgħażagħ Alla tahom għerf u għaqal f'kull kitba u għerf, u
Danjel sar jifhem id-dehriet u l-ħolm kollu.

[18]Meta wasal iż-żmien li fih iż-żgħażagħ kellhom jidħlu quddiem is-sultan, kif hu
stess kien ordna, il-kap tal-uffiċjali daħħalhom quddiem Nabukodonosor.

[19]Is-sultan qagħad jitkellem magħhom, u fosthom ilkoll ma nstab ħadd bħal
Danjel, Ħananija, Misael u Għażarija; u dawn baqgħu quddiem is-sultan.

[20]U f'kull ħaġa ta' għerf u għaqal li kien jistaqsihom is-sultan, kien isibhom
għaxar darbiet aqwa mill-maġi u l-bassara kollha li kien hemm fis-saltna kollha
tiegħu.

[21]Danjel baqa' hemm sal-ewwel sena tas-sultan Ċiru.

## Danjel bil-Grieg 2

### Il-ħolma tas-sultan Nabukodonosor:

[1]Fit-tieni sena tas-saltna tiegħu, Nabukodonosor ħolom xi ħolm, tħawwad fih
innifsu, u n-ngħas ħarab minn fuqu.

[2]Is-sultan ordna li jissejħu l-maġi u l-bassara, is-saħħara u l-Kaldin, biex lis-
sultan ifissrulu l-ħolm tiegħu. Dawn daħlu u waqfu quddiem is-sultan.

[3]U s-sultan qalilhom: "Ħlomt ħolma, u ninsab imħawwad kif naqbad nifhimha
din il-ħolma."

[4]Il-Kaldin qalu lis-sultan (bl-Aramajk): "Sultan, jalla tgħix għal dejjem! Għid il-
ħolma lill-qaddejja tiegħek, u aħna nuruk it-tifsira tagħha."

[5]Wieġeb is-sultan u qal lill-Kaldin: "Kelma waħda ngħidilkom: jekk intom ma
turunix il-ħolma u t-tifsira tagħha, bċejjeċ issiru, u djarkom isiru ħerba.

[6]Imma jekk turuni l-ħolma u t-tifsira tagħha, ħlas u rigali u ġieħ kbir ikollkom.
Għalhekk uruni l-ewwel il-ħolma u mbagħad it-tifsira tagħha."

[7]Għat-tieni darba dawk wieġbu u qalulu: "Ħa jgħid is-sultan il-ħolma lill-
qaddejja tiegħu, u aħna nuruh it-tifsira tagħha."

[8]Qabad is-sultan u qalilhom: "Naf sewwa li intom tridu tirbħu ż-żmien, ladarba
rajtu li l-kelma ħarġet minni,

[9]jiġifieri li, jekk il-ħolma ma turuhilix, sentenza waħda hemm għalikom. U intom
ftehemtu bejnietkom biex, sa ma jilħaq jgħaddi ż-żmien, toħorġuli b'xi storja ta'


© 2020 Malta Bible Society.

gideb u tagħwiġ. Mela għiduli l-ħolma, u nkun naf li t-tifsira tagħha se turuhieli wkoll."

10Il-Kaldin wieġbu lis-sultan u qalulu: "Ma hemmx bniedem fuq din l-art li għandu l-ħila juri dil-ħaġa tas-sultan, ladarba ebda sultan kbir u setgħani ma qatt staqsa ħaġa bħal din lil xi maġi, bassâr jew Kaldew.

11Il-ħaġa li s-sultan qiegħed jistaqsi hi tqila, ma jinsab ħadd li jista' jurihielu lis-sultan ħlief l-allat, li l-għamara tagħhom mhix fost il-bnedmin!"

12Fuq hekk is-sultan għadab u saħan għall-aħħar, u ordna li jinqerdu l-għorrief kollha ta' Babilonja.

13Hareġ digriet biex jinqatlu l-għorrief; u 'l Danjel u 'l sħabu wkoll marru jfittxuhom biex joqtluhom.

14Imbagħad Danjel, b'għaqal u dehen, mar ikellem lil Arjok, il-kap tal-għassiesa tas-sultan li ħarġu biex joqtlu l-għorrief ta' Babilonja.

15Danjel qabad u qal lil Arjok, il-kmandant tas-sultan: "Dan l-għala ħareġ b'daqshekk għaġla d-digriet minn quddiem is-sultan?" U Arjok imbagħad fisser kollox lil Danjel.

16Danjel daħal quddiem is-sultan u talbu jagħtih iż-żmien biex lis-sultan jurih it-tifsira.

17Danjel imbagħad mar id-dar tiegħu, u qal b'kollox lil sħabu Ħananija, Misael u Għażarija,

18u qalilhom ukoll biex jitolbu ħniena quddiem Alla tas-sema dwar dan il-misteru, ħalli ma jinqerdux ukoll Danjel u sħabu mal-bqija tal-għorrief ta' Babilonja.

### Danjel ifisser il-ħolma

19Imbagħad il-misteru kien irrivelat lil Danjel f'dehra billejl. U Danjel bierek 'l Alla tas-sema.

20Danjel qabad u qal: "Ha jkun l-isem ta' Alla mbierek, minn dejjem u għal dejjem, għaliex tiegħu huma l-għerf u l-qawwa.

21U hu jbiddel f'waqthom il-jiem u l-iżmna, ineħħi slaten u jqajjem slaten, jagħti għerf lill-għorrief, u dehen lil min jagħraf l-għaqal.

22Hu jikxef ħwejjeġ moħbija fil-qiegħ u mistura, jagħraf x'hemm fid-dlamijiet, u d-dawl jgħammar miegħu.

23O Alla ta' missirijieti, jiena lilek irrodd ħajr u nfaħħar, għax tajt lili għerf u qawwa, u għarraftni li tlabna minnek, għax il-ħwejjeġ tas-sultan għarraftna."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

24Għalhekk Danjel daħal għand Arjok, li s-sultan kien qabbdu biex jeqred l-
għorrief ta' Babilonja, u qallu hekk: "L-għorrief ta' Babilonja teqridhomx;
daħħalni quddiem is-sultan, u jiena nurih it-tifsira."

25Imbagħad Arjok bla telf ta' żmien daħħal lil Danjel quddiem is-sultan u qallu
hekk: "Fost ulied l-itturufnati ta' Ġuda sibt wieħed li se jgħarraf it-tifsira lis-
sultan."

26U s-sultan qabad u qal lil Danjel, li kienu semmewh Beltesassar: "Għandek int
ħila tgħarrafni l-ħolma li rajt u tfissirhieli?"

27Wieġeb Danjel quddiem is-sultan u qal: "Il-misteru li s-sultan irid jitkixxef, la
l-għorrief, la l-bassara, la l-maġi u lanqas l-astroloġi m'għandhom ħila juruh lis-
sultan.

28Iżda hemm Alla fis-sema li jikxef il-misteri, u li għarraf lis-sultan
Nabukodonosor x'sejjer jiġri fl-aħħar jiem. Il-ħolma tiegħek u d-dehriet ta'
moħħok li kellek fuq friexek huma dawn:

29Int, sultan, il-ħsibijiet tiegħek fuq friexek ġewk dwar x'għandu jiġri 'l quddiem,
u dak li jikxef il-misteri għarrfek x'se jiġri.

30U dan il-misteru kien irrivelat lili, mhux għax jien għandi xi għerf aktar minn
kull ħaddieħor, imma biex it-tifsira tiegħu tkun mgħarrfa lis-sultan, u inti tagħraf
il-ħsibijiet ta' qalbek.

31"Sultan, int kellek din id-dehra: kien hemm statwa, statwa kbira tassew u tleqq
tal-għaġeb; kienet wieqfa quddiemek, u d-dehra tagħha kienet tal-biża'.

32Ras din l-istatwa kienet tad-deheb, sidirha u dirgħajha tal-fidda, żaqqha u
kuxxtejha tal-bronż,

33riġlejha tal-ħadid, u saqajha biċċa tal-ħadid u biċċa tat-tafal.

34Inti u tħares inqatgħet ġebla, bla ma messha ħadd, laqtet l-istatwa f'saqajha
tal-ħadid u t-tafal, u għamlithomlha frak.

35Imbagħad tfarrku f'daqqa waħda l-ħadid, it-tafal, il-bronż, il-fidda u d-deheb,
u saru qishom il-karfa li tittajjar minn fuq il-qiegħa fis-sajf. U r-riħ ġarrhom
miegħu, u ebda ħjiel tagħhom ma baqa'. U l-ġebla li laqtet l-istatwa saret
muntanja kbira li mliet l-art kollha.

36Din hija l-ħolma; issa ħa ngħidu wkoll it-tifsira tagħha quddiem is-sultan.

37"Int, sultan tas-slaten, li lilek Alla tas-sema tak is-saltna, is-setgħa, il-qawwa u
l-glorja,

38u li ħallielek f'idejk lil ulied il-bnedmin, il-bhejjem tar-raba' u l-għasafar tal-
ajru kull fejn jinsabu, u qiegħdek taħkem fuqhom kollha, inti huwa r-ras tad-
deheb.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

39 Warajk għad tqum saltna oħra, inqas minnek; u mbagħad saltna oħra, it-tielet waħda, tal-bronż, li tkun taħkem fuq l-art kollha.

40 Ikun hemm ukoll ir-raba' saltna qawwija daqs il-ħadid, u ladarba l-ħadid ifarrak u jisħaq kollox, hekk din is-saltna tkisser u tfarrak lill-oħrajn kollha.

41 U billi s-saqajn u s-swaba' rajthom biċċa tafal tal-fuħħari u biċċa tal-ħadid, is-saltna tkun maqsuma, u jkollha fiha mill-qawwa tal-ħadid, ladarba mat-tafal kien hemm imħallat il-ħadid.

42 U kif is-swaba' tas-saqajn kienu biċċa tal-ħadid u biċċa tat-tafal, hekk is-saltna tkun biċċa qawwija u biċċa dgħajfa.

43 U bħalma int rajt il-ħadid imħallat mat-tafal, hekk huma jitħalltu bejniethom bi żwiġijiet imma ma jingħaqdux waħda mal-oħra, l-istess kif il-ħadid ma jingħaqadx mat-tafal.

44 Imbagħad, fi żmien dawn is-slaten, Alla tas-sema jqajjem saltna li ma tinqered qatt, u li l-ħakma tagħha ma tgħaddix għal poplu ieħor. Hija tfarrak u ttemm is-saltniet l-oħra kollha, waqt li hi tibqa' wieqfa għal dejjem.

45 Kien għalhekk li int rajt mill-muntanja tinqata' ġebla bla ma messha ħadd, u farrket il-ħadid, il-bronż, it-tafal, il-fidda u d-deheb. Il-kbir Alla għarraf lis-sultan b'dak li għad jiġri 'l quddiem. Il-ħolma hija minnha, u t-tifsira tagħha ta' min jemminha."

### Is-sultan jistqarr il-fidi

46 Imbagħad is-sultan Nabukodonosor inxteħet wiċċu fl-art jagħti qima lil Danjel, u ordna li joffrulu sagrifiċċju u inċens.

47 U s-sultan qabad u qal lil Danjel: "Alla tiegħek hu tabilħaqq Alla tal-allat u Sid is-slaten; huwa dak li jikxef il-misteri, ladarba kellek il-ħila tikxef dan il-misteru."

48 Imbagħad is-sultan għolla lil Danjel, u tah ħafna rigali kbar, u għamlu gvernatur tal-Provinċja kollha ta' Babilonja, u l-ogħla uffiċjal fuq l-għorrief kollha ta' Babilonja.

49 U Danjel, wara li talab mingħand is-sultan, qiegħed lil Sidrak, lil Mesak u lil Għabednegu fuq is-servizz pubbliku tal-provinċja ta' Babilonja waqt li hu baqa' fil-palazz tas-sultan.

## Danjel bil-Grieg 3

### Nabukodonosor iwaqqaf statwa tad-deheb

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

1Is-sultan Nabukodonosor għamel statwa tad-deheb, li l-għoli tagħha kien ta' sittin driegħ u l-wisa' tagħha sitta, u waqqafha fil-wita ta' Dura fil-provinċja ta' Babilonja.

2U s-sultan Nabukodonosor bagħat jiġma' s-satrapi, il-prefetti, il-gvernaturi, il-kunsillieri, it-teżorieri, l-imħallfin, l-avukati, u s-setgħat kollha tal-provinċja biex jiġu għad-dedikazzjoni tal-istatwa li waqqaf is-sultan Nabukodonosor, u qagħdu quddiem l-istatwa li kien waqqaf Nabukodonosor.

3Imbagħad is-satrapi, il-prefetti, il-gvernaturi, il-kunsillieri, it-teżorieri, l-imħallfin, l-avukati, u s-setgħat kollha tal-provinċja nġabru għad-dedikazzjoni tal-istatwa li waqqaf Nabukodonosor; u qagħdu quddiem l-istatwa li kien waqqaf Nabukodonosor.

4U wieħed ħabbar beda jaqra b'leħen għoli: "Popli, ġnus u ilsna, għalikom huma dawn l-ordnijiet:

5Meta tisimgħu l-leħen tal-kornu, tal-fifra, taċ-ċetra, tal-arpa, tas-salterju, taż-żaqq u ta' kull xorta oħra ta' mużika, inżlu fl-art u agħtu qima lill-istatwa tad-deheb li waqqaf is-sultan Nabukodonosor.

6U jekk xi ħadd ma jinxteħetx fl-art u ma jagħtihiex qima, minnufih ikun mixħut f'nofs forn ta' nar iħeġġeġ."

7Għalhekk, malli l-popli kollha semgħu l-leħen tal-kornu, tal-fifra, taċ-ċetra, tal-arpa, tas-salterju, taż-żaqq u ta' kull xorta ta' mużika, il-popli kollha, il-ġnus u l-ilsna, inxteħtu fl-art u taw qima lill-istatwa tad-deheb li waqqaf is-sultan Nabukodonosor.

### Il-Lhud mixlija u kkundannati

8Għalhekk dak iż-żmien xi wħud mill-Kaldin resqu u xlew lil-Lhud;

9u qabdu u qalu lis-sultan Nabukodonosor: "Sultan, jalla tgħix għal dejjem!

10Int, sultan, ħriġt digriet biex kull min jisma' l-leħen tal-kornu, tal-fifra, taċ-ċetra, tal-arpa, tas-salterju, taż-żaqq, u ta' kull xorta oħra ta' mużika, jinxteħet fl-art u jagħti qima lill-istatwa tad-deheb,

11u li kull min ma jinxteħitx fl-art u ma jagħtix qima, ikun mixħut f'nofs forn ta' nar iħeġġeġ.

12Issa hemm xi Lhud, li int qegħedthom fuq is-servizz pubbliku tal-provinċja ta' Babilonja, jiġifieri Sidrak, Mesak u Għabednegu, u dawn in-nies ma semgħux minnek u mid-digrieti tiegħek, sultan; mhumiex jaqdu lil allatek u mhumiex jagħtu qima lill-istatwa tad-deheb li int waqqaft."

13Imbagħad Nabukodonosor, b'għadab u saħna fuqu, ordna li jinġiebu quddiemu Sidrak, Mesak u Għabednegu; u lil dawn in-nies ġabuhom quddiem is-sultan.


© 2020 Malta Bible Society.

[14]Nabukodonosor qabad u qalilhom: "Sirak, Mesak, u Għabednegu, jaqaw għamiltu l-ħsieb li ma taqdux 'l allati u li ma tqimux l-istatwa tad-deheb li jiena waqqaft?

[15]Issa, ara, intomx lesti li tinxteħtu fl-art, u tqimu l-istatwa li jiena għamilt, malli tisimgħu d-daqq tal-kornu, tal-fifra, taċ-ċetra, tal-arpa, tas-salterju, taż-żaqq, u ta' kull xorta oħra ta' mużika? Għax jekk ma tqimuhiex, tkunu minnufih mixħutin f'nofs forn ta' nar iħeġġeġ. U liema hu dak alla li se jeħliskom minn idejja?"

[16]Sidrak, Mesak u Għabednegu wieġbu lis-sultan u qalulu: "Nabukodonosor, aħna m'għandniex għalfejn inwieġbuk fuq din il-ħaġa.

[17]Jekk inhu tassew hekk, Alla tagħna, li aħna nqimu, jista' jeħlisna minn idejk, O Sultan!

[18]U mqar jekk le, kun af, sultan, li allatek m'aħniex se naqduhom, u l-istatwa tad-deheb li int waqqaft m'aħniex se nqimuha."

[19]Imbagħad Nabukodonosor imtela bil-korla, u l-bixra ta' wiċċu tbiddlet kontra Sidrak, Mesak u Għabednegu; u, bħala tweġiba, ordna li jqabbdu forn seba' darbiet isħan mis-soltu,

[20]u ried li xi rġiel b'saħħithom mill-armata tiegħu jorbtu 'l Sidrak, 'il Mesak u 'l Għabednegu, u jixħtuhom ġol-forn tan-nar iħeġġeġ.

[21]Imbagħad lil dawn in-nies rabtuhom bil-ħwejjeġ b'kollox: imnatar, qomos, trabant, u lbies ieħor, u xeħtuhom f'nofs il-forn bin-nar iħeġġeġ.

[22]Minħabba f'hekk, billi l-ordni tas-sultan kien sod u l-forn imqabbad ħafna, l-ilsna tan-nar qatlu lill-irġiel li kienu qegħdin iwaddbu fih lil Sidrak, 'il Mesak u 'l Għabednegu;

[23]dawn it-tlieta min-nies, Sidrak, Mesak u Għabednegu, waqgħu marbutin f'nofs il-forn tan-nar iħeġġeġ.

### Is-sultan jagħraf l-għaġeb li sar

[91] 91(24) Imbagħad is-sultan Nabukodonosor stagħġeb u qam minnufih, u qabad u qal lill-kunsillieri tiegħu: "Mhux tlieta kienu l-irġiel li xħetna marbutin fil-forn tan-nar?" Wieġbu lis-sultan u qalulu: "U żgur, sultan!"

[92] 92(25) Iżda hu raġa' u qal: "Din x'biċċa hi! Jiena qiegħed nara erbat irġiel, maħlulin u mexjin fil-forn tan-nar, u r-raba' wieħed qisu xi wild l-allat!"

[93] 93(26) Imbagħad Nabukodonosor resaq lejn il-bieb tal-forn tan-nar iħeġġeġ, u qabad u qal: "Sidrak, Mesak u Għabednegu, qaddejja ta' Alla l-Għoli, oħorġu u ejjew hawn!" Imbagħad Sidrak, Mesak u Għabednegu ħarġu minn ġo nofs in-nar.

[94] 94(27) Imbagħad is-satrapi, il-prefetti, il-gvernaturi, u l-kunsillieri tas-sultan inġabru biex jaraw lil dawk l-irġiel li n-nar ma kellu ebda setgħa fuq ġisimhom,


© 2020 Malta Bible Society.

u li xagħar rashom ma nħaraqx, l-imnatar tagħhom ma ntmessux, u li ebda riħa ta' ħruq ma kienet tinxtamm fuqhom.

95 95(28) Nabukodonosor qabad u qal: "Imbierek Alla ta' Sidrak, Mesak u Għabednegu, li bagħat l-anġlu tiegħu u ħeles lill-qaddejja tiegħu li ttamaw fih u kisru l-ordni tas-sultan, u taw ħajjithom biex ma jaqdux u ma jqimux alla ieħor ħlief lil Alla tagħhom.

96 96(29) Mela nagħti dan id-digriet: kull poplu, ġens u lsien li jonqsu bi kliemhom kontra Alla ta' Sidrak, Mesak u Għabednegu, isiru bċejjeċ, u djarhom isiru ħerba ladarba ma hemmx alla ieħor li għandu ħila jagħti ħelsien bħal dan."

97 97(30) Imbagħad is-sultan lil Sidrak, Mesak u Għabednegu tahom uffiċċju ogħla fil-provinċja ta' Babilonja.

### Nabukodonosor imwissi f'ħolma

98 98(31) Is-sultan Nabukodonosor lill-popli; ġnus u ilsna, kull fejn jgħammru fuq l-art: jalla s-sliem tagħkom joktor!

99 99(32) Għoġobni nxandar is-sinjali u l-għeġubijiet li Alla l-Għoli għamel miegħi.

100 100(33) Kemm huma kbar is-sinjali tiegħu, u kemm huma qawwija għeġubijietu! Saltnatu saltna ta' dejjem, u ħakmietu minn nisel għal nisel!

## Danjel bil-Grieg 4

1Jien, Nabukodonosor, kont waħdi f'dari kuntent u sejjer tajjeb fil-palazz tiegħi.

2U rajt ħolma li werwritni; fuq friexi, il-ħsibijiet u d-dehriet ta' moħħi beżżgħuni.

3U ħriġt digriet biex jinġiebu quddiemi l-għorrief kollha ta' Babilonja ħalli jgħarrfuni bit-tifsira tal-ħolma.

4Imbagħad ġew il-maġi, il-bassara, il-Kaldin u l-astroloġi u jien għedtilhom il-ħolma, imma t-tifsira tagħha m'għarfux jagħtuhieli.

5Sa fl-aħħar ġie quddiemi Danjel li jismu Beltesassar, bħalma jismu l-alla tiegħi; Danjel għandu fih l-ispirtu tal-allat qaddisa; u jien għedtlu l-ħolma:

6"Beltesassar, inti l-kbir fost il-maġi, u jiena naf li l-ispirtu tal-allat qaddisa jinsab fik, u li lilek ebda misteru ma jħawdek. Ha ngħidlek x'ħolma kelli, u int fissirhieli.

7Id-dehriet ta' moħħi fuq friexi kienu dawn: Kont qiegħed inħares, u ara, ikun hemm siġra f'nofs l-art, għolja ħafna tassew.

8U s-siġra kibret u ssaħħet, l-għoli tagħha laħaq sas-sema, u kienet tidher mit-trufijiet kollha tal-art;


© 2020 Malta Bible Society.

9il-weraq tagħha kien sabiħ, u kellha fiha ħafna frott, hekk li kien fiha biex jiekol
minnha kulħadd. Il-bhejjem tar-raba' kienu jistkennu għad-dell tagħha, u l-
għasafar tas-sema jgħammru fil-friegħi tagħha, u l-ħlejjaq kollha kienu jieħdu l-
għajxien tagħhom minnha.

10Jiena u nħares fid-dehriet ta' moħħi fuq friexi, ara mis-sema niżel wieħed
għassies u qaddis,

11li għajjat b'leħen qawwi u qal hekk: 'Qaċċtu s-siġra u aqtgħu l-friegħi tagħha,
farfru l-friegħi u xerrdu l-frott tagħha, ħalli l-bhejjem jaħarbu minn taħtha u l-
għasafar mill-friegħi tagħha.

12Imma l-fdal li jibqa' miz-zokk ta' għeruqha ħalluh fl-art, miżmum b'ċirku tal-
ħadid u l-bronż qalb il-ħaxix tari tar-raba', ħalli jixxarrab bin-nida tas-sema u
jaqsam mal-bhejjem mill-ħaxix tal-art.

13Qalbu ma tibqax bħal tal-bnedmin, imma tingħatalu qalb ta' bhima, u jgħaddu
minn għalih seba' żminijiet!

14Din is-sentenza ngħatat b'digriet tal-għassiesa, il-kustjoni nqatgħet b'ordni tal-
qaddisin, sabiex il-ħajjin ikunu jafu li l-Għoli jaħkem fuq is-saltna tal-bnedmin, u
li hu jagħtiha lil min jogħġbu u jqiegħed fuqha l-iċken fost il-bnedmin.'

15Din hi l-ħolma li jien, is-sultan Nabukodonosor, rajt. U int, Beltesassar,
fissirhieli, għax l-għorrief kollha tas-saltna tiegħi m'għandhomx ħila juruni t-
tifsira tagħha; imma inti iva, għax int għandek fik l-ispirtu tal-allat qaddisa."

### Danjel ifisser il-ħolma

16Imbagħad Danjel, li kien jismu Beltesassar, baqa' għal waqt wieħed
mistagħġeb, u tħawwad fi ħsibijietu. Is-sultan qabad u qallu: "Beltesassar, il-
ħolma u t-tifsira tagħha tħallihomx iħawduk." Wieġeb Beltesassar u qallu: "Sidi,
il-ħolma għal dawk li jobogħduk, u t-tifsira tagħha għall-għedewwa tiegħek!

17Is-siġra li int rajt, li kibret u ssaħħet, u għoliet sas-sema hekk li setgħet tidher
minn kullimkien fuq l-art;

18li l-weraq tagħha kien sabiħ u l-frott tagħha kotran; li fiha kellha biex jiekol
kulħadd, u taħtha nġabru l-bhejjem tar-raba'; u fil-friegħi tagħha sabu l-kenn l-
għasafar tas-sema,

19dik is-siġra hija int, sultan, li kbirt u ssaħħaħt, u l-kobor tiegħek tkattar u laħaq
is-sema u saltnatek infirxet sa truf l-art.

20"Issa s-sultan ra għassies - u dan kien qaddis - nieżel mis-sema u jgħid: Qaċċtu
s-siġra u eqirduha, imma l-fdal li jibqa' miz-zokk ta' għeruqha ħalluh fl-art,
miżmum b'ċirku tal-ħadid u l-bronż, qalb il-ħaxix tari tar-raba', ħalli jixxarrab
bin-nida tas-sema u jkollu sehmu mal-bhejjem tar-raba', sa ma jgħaddu seba'
żminijiet.'


© 2020 Malta Bible Society.

21It-tifsira ta' dan kollu hija din, sultan: hu digriet tal-Għoli għal sidi s-sultan.

22Lilek għad ikeċċuk minn fost il-bnedmin, u l-għamara tiegħek tkun mal-bhejjem tar-raba'; jitimgħuk ħxejjex bħall-barrin; u jħalluk tixxarrab bin-nida tas-sema; seba' żminijiet jgħaddu minn fuqek, sa ma tagħraf li l-Għoli jaħkem fuq is-saltna tal-bnedmin u li hu jagħtiha lil min jogħġbu.

23Huma taw ordni biex iħallu l-fdal li jibqa' miz-zokk ta' għeruq is-siġra. Dan ifisser li s-saltna tiegħek tibqa' żgura għalik wara li tagħraf li s-Sema jsaltan.

24Għalhekk, sultan, ilqa' l-parir tiegħi; infatam minn ħtijietek b'għemejjel tajba, u minn ħżunitek, billi tħenn għall-imsejknin; żgur jitwal għalik żmien ir-risq."

### Il-ħolma sseħħ

25Dan kollu seħħ fuq is-sultan Nabukodonosor.

26Tnax-il xahar wara, kien qiegħed jippassiġġa fuq il-bejt tal-palazz tas-Saltna ta' Babilonja.

27U s-sultan qabad u qal: "Hijiex din Babilonja l-kbira li jien, bil-qawwa ta' setegħti, bnejt bħala għamara ta' sultan għal sebħ ġieħi?"

28Il-kelma kienet għadha f'fomm is-sultan meta nstema' leħen mis-sema: "Seħħ dak li qalu fuqek, sultan Nabukodonosor: is-saltna ħallietek.

29U lilek se jkeċċuk minn fost il-bnedmin, u mal-bhejjem tar-raba' tkun l-għamara tiegħek; jitimgħuk ħxejjex bħall-barrin; u seba' żminijiet jgħaddu minn fuqek, sa ma tagħraf li l-Għoli jaħkem fuq is-saltna tal-bnedmin, u li hu jagħtiha lil min jogħġbu."

30Minnufih il-kelma seħħet fuq Nabukodonosor; tkeċċa minn fost in-nies; kien jiekol il-ħaxix bħall-barrin, u ġismu baqa' jixxarrab bin-nida tas-sema sa ma xuxtu kibret qisha rix ta' ajkla u dufrejh sarulu qishom tat-tajr.

31"Meta għadda ż-żmien, jien, Nabukodonosor, erfajt għajnejja lejn is-sema u għaqli raġa' ġie fija; berikt lill-Għoli, u sebbaħt u tajt ġieħ lil Dak li hu għal dejjem, għax setegħtu setgħa għal dejjem, u saltnatu minn nisel għal nisel;

32dawk kollha li jgħammru fuq l-art huma meqjusa bħax-xejn, u li jrid hu jagħmel bl-eżerċtu tas-sema u b'dawk li jgħammru fuq l-art, u ħadd ma hemm li se jżommlu idu u jgħidlu, 'X'qiegħed tagħmel?'

33"Minnufih għaqli raġa' ġie fija, u għall-glorja ta' saltnati raġa' ġieni l-ġieħ u s-sebħ tiegħi; il-kunsillieri u l-kbarat tiegħi fittxewni, tqegħidt fis-saltna tiegħi, u żdiedli kobor liema bħalu.

34Issa jien, Nabukodonosor, infaħħar u ngħolli u nsebbaħ lis-Sultan tas-Sema, għax l-għemejjel tiegħu kollha sewwa u triqatu huma ġusti, u hu għandu s-setgħa jbaxxi 'l dawk li jimxu mkabbra."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

# Danjel bil-Grieg 5

### Il-festa ta’ Beltassar

1Is-sultan Beltassar għamel ikla kbira lil elf mill-kbarat tiegħu, u quddiem dawn
l-elf qabad jixrob l-inbid.

2Kif daq l-inbid, Beltassar bagħat iġib it-tazzi tad-deheb u tal-fidda, li missieru
Nabukodonosor kien ġieb mit-tempju ta’ Ġerusalemm, biex minnhom jixrob is-
sultan u l-kbarat tiegħu, in-nisa tiegħu u l-konkubini l-oħra li kellu.

3Imbagħad daħħlu t-tazzi tad-deheb li kienu nġiebu mis-santwarju ta’ Alla
f’Ġerusalemm, u minnhom xorob is-sultan u kbaratu, in-nisa tiegħu u l-
konkubini li kellu.

4Xorbu l-inbid, u faħħru l-allat tad-deheb u tal-fidda, tal-bronż u tal-ħadid, tal-
injam u tal-ġebel.

5Minnufih ħarġu swaba’ ta’ id ta’ bniedem, u bdew jiktbu biswit il-gandlier, fuq
il-ġir tal-ħajt tal-palazz tas-sultan. Is-sultan raha dik l-id miftuħa hi u tikteb.

6Imbagħad is-sultan wiċċu tbiddel u ħsibijietu ħasduh, il-ġogi ta’ ġenbejh inħallu,
u rkupptejh bdew iħabbtu ma’ xulxin.

7Is-sultan, jgħajjat kemm jiflaħ, bagħat għall-bassara, għall-Kaldin, u għall-
astroloġi. Lil dawn l-għorrief ta’ Babilonja s-sultan qabad u qalilhom: “Porpra
jilbes min jaqra din il-kitba u jfissirhieli, u kullana tad-deheb ma’ għonqu, u jkun
it-tielet wieħed fost il-ministri tas-sultan.”

8Daħlu mela l-għorrief kollha tas-sultan, iżda ma kellhomx ħila jaqraw il-kitba
lis-sultan jew ifissruhielu.

9Imbagħad is-sultan Beltassar beża’ tassew, u wiċċu ħa sura oħra. Il-kbarat
tiegħu tħawdu.

10Għal kliem is-sultan u kbaratu, is-sultana daħlet fil-kamra tal-ikel; u s-sultana
qabdet u qalet: “Sultan, għix għal dejjem! M’għandhomx għalfejn jaħsduk
ħsibijietek jew jitbiddel wiċċek!

11Fis-saltna tiegħek hemm raġel li ġo fih għandu l-ispirtu tal-allat qaddisa. Fi
żmien missierek kien instab li fih kellu dawl, għaqal u għerf bħal għerf l-allat; u
s-sultan Nabukodonosor missierek, kien għamlu kap fuq il-maġi, il-bassara, il-
Kaldin, u l-astroloġi.

12Ladarba Danjel, li s-sultan kien semmieh Beltesassar, instab li kellu ġo fih
spirtu liema bħalu, u dehen u għaqal biex ifisser il-ħolm, u juri xi jkun hemm
moħbi fil-kliem, u jħoll problemi tqal, mela ħa jissejjaħ Danjel, u hu jagħti t-
tifsira.”

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

13 Imbagħad daħħlu lil Danjel quddiem is-sultan. Is-sultan qabad jgħid lil Danjel: “Inti hu Danjel, minn ulied l-itturufnati ta’ Ġuda, dawk li s-sultan missieri kien ġieb minn Ġuda?

14 Jien smajt fuqek li int għandek fik l-ispirtu tal-allat, u li fik instab dawl, għaqal u għerf liema bħalu.

15 Għadhom kemm ġabuli quddiemi l-għorrief u l-bassara biex jaqraw din il-kitba u jgħarrfuni t-tifsira tagħha; iżda ma setgħux juru t-tifsira ta’ din il-ħaġa.

16 Jiena smajt fuqek li inti tista’ tagħti tifsir u tħoll problemi tqal. Issa, jekk tista’ taqra l-kitba u tgħarrafni t-tifsira tagħha, inti tilbes il-porpra u kullana tad-deheb ma’ għonqok, u tkun it-tielet fil-ħakma tas-saltna.”

17 Imbagħad Danjel wieġeb u qal quddiem is-sultan: “Ħa jibqgħu għalik ir-rigali tiegħek, u d-doni tiegħek agħtihom lil ħaddieħor. Madankollu l-kitba naqrahielu lis-sultan, u nagħtih it-tifsira tagħha.

18 Inti sultan: lil missierek Nabukodonosor, Alla l-Għoli tah saltna, kobor, ġieħ u glorja.

19 U, għall-kobor li tah, kull poplu u ġens u lsien kien jitriegħed bil-biża’ quddiemu. Hu kien joqtol ’il min irid, iħalli ħaj ’il min irid, jgħolli ’l min irid, u jbaxxi ’l min irid.

20 Iżda meta ntrefa’ f’qalbu, u ruħu xrafet fit-tkabbir, huwa tniżżel minn fuq it-tron ta’ saltnatu, u l-ġieħ tiegħu twarrab minn fuqu.

21 U hu tkeċċa minn qalb il-bnedmin, u qalbu saret bħal tal-bhejjem; għammar mal-ħmir selvaġġi, kienu jitimgħuh ħaxix bħall-barrin, u ġismu kien jixxarrab bin-nida tas-sema, sa ma għaraf li Alla l-Għoli hu setgħani fuq is-saltna tal-bnedmin u jqiegħed fuqha ’l min irid.

22 U inti ibnu, Beltassar, int ma ċċekkintx f’qalbek, għad li dan kollu kont tafu.

23 Int ridt titgħolla fuq Sid is-smewwiet, ġibulek quddiemek it-tazzi tat-tempju tiegħu, u minnhom xrobt l-inbid int u l-kbarat tiegħek, in-nisa tiegħek u l-konkubini li għandek; u faħħart l-allat tal-fidda u d-deheb, tal-bronż, tal-ħadid u tal-ħatab, li la jaraw, la jisimgħu u lanqas jagħrfu; imma lil Alla, li f’idejh tinsab ħajtek u triqatek kollha, inti ma tajtux ġieħ.

24 Imbagħad minn quddiemu kien mibgħut tarf ta’ id u kitba, din li nkitbet.

25 U din hi l-kitba li nkitbet: ‘Mene, Teqel, Parsin.’

26 It-tifsira tal-kliem hija din: Mene, Alla għadd il-jiem ta’ saltnatek u temmha;

27 Teqel, intiżint fil-miżien u kont misjub nieqes fil-piż;

28 Parsin, saltnatek hija maqsuma u mogħtija lill-Medi u lill-Persjani.”

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

29Imbagħad, fuq ordni ta' Beltassar, lil Danjel libbsuh il-porpra u kullana tad-
deheb ma' għonqu, u xandruh li sar it-tielet wieħed fis-saltna.

30Dak il-lejl Beltassar, is-sultan tal-Kaldin, qatluh.

## Danjel bil-Grieg 6

### Danjel fil-ħofra tal-ljuni

1U Dariju l-Medi ħa s-saltna meta kellu madwar tnejn u sittin sena.

2Dariju għoġbu jaħtar mija u għoxrin satrapa fuq saltnatu, qassamhom fis-saltna
kollha,

3u qabbad fuqhom tliet prefetti, wieħed minnhom Danjel; li s-satrapi kellhom
jgħarrfuhom b'kollox u hekk is-sultan ma jsofri ebda ħsara.

4Dan Danjel kien jinqala' ħafna tassew, u għadda lill-prefetti u s-satrapi l-oħra,
għax kellu fih spirtu mill-aqwa hekk li s-sultan għamel il-ħsieb li jqiegħdu fuq is-
saltna kollha.

5Għalhekk il-prefetti u s-satrapi bdew ifittxu xi skuża ħalli Danjel jinstab ħati ta'
xi nuqqas kontra s-saltna; iżda ebda skuża, jew ħtija, ma setgħu jsibu fih. Danjel
kien raġel sewwa, bla ebda nuqqas jew ħtija.

6Imbagħad dawn l-irġiel qalu: "Ebda skuża m'aħna se nsibu kontra dan Danjel
jekk ma nsibulux waħda li għandha x'taqsam mal-liġi ta' Alla tiegħu."

7U b'saħna kbira fuqhom dawk il-prefetti u s-satrapi marru jgħaġġlu flimkien
għal għand is-sultan u qalulu: "Sultan Dariju, jalla tgħix għal dejjem!

8Il-prefetti tas-saltna, il-kapijiet u s-satrapi, il-kunsillieri u l-gvernaturi, ilkoll
jaqblu bejniethom li s-sultan jagħmel digriet u interdett sħiħ biex jekk xi ħadd,
fi żmien tletin jum, jitlob lil xi alla jew lil xi bniedem ieħor ħliefek, sultan, jixħtuh
fl-ħofra tal-iljuni.

9Issa, sultan, oħroġ l-interdett u ffirma d-dokument, hekk li ma jkunx jista'
jitbiddel, skont il-liġi tal-popli tal-Medja u l-Persja, li ma tistax titħassar."

10Għalhekk is-sultan Dariju ffirma d-dokument u l-interdett.

11Danjel sar jaf bid-dokument iffirmat; b'danakollu baqa' jagħmel bħas-soltu.
Kien jidħol id-dar, fejn kellu tieqa miftuħa fil-kamra ta' fuq tħares lejn
Ġerusalemm, tliet darbiet kuljum, kien jinżel għarkupptejh u joqgħod jitlob u
jfaħħar lil Alla tiegħu.

12B'saħna kbira fuqhom dawk l-irġiel ġrew flimkien għal ħdejn Danjel u sabuh
jitlob u jfaħħar lil Alla tiegħu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

13Bla telf ta' żmien resqu quddiem is-sultan ifakkruh fl-interdett. U qalulu:
"Sultan, mhux int kont li ffirmajt l-interdett biex jekk xi ħadd, fi żmien tletin jum,
jitlob lil xi alla jew lil bniedem ieħor ħliefek, sultan, jixħtuh fil-ħofra tal-ljuni?" U
s-sultan wieġeb: "L-ordni għadu sħiħ, skont il-liġi tal-popli tal-Medja u l-Persja li
ma tistax titħassar."

14Imbagħad qalu lis-sultan: "Dan Danjel, wieħed mill-itturufnati Lhud, la ta kas
tiegħek, sultan, u lanqas tal-interdett iffirmat minnek, għax baqa' jitlob tliet
darbiet kuljum!"

15Is-sultan sewwed qalbu ħafna meta sama' dan, u għamel il-ħsieb li jeħles lil
Danjel; sa nżul ix-xemx kien għadu jħabbel moħħu biex jara kif jeħilsu.

16Imma dawk l-irġiel marru jiġru b'saħna fuqhom flimkien għal għand is-sultan
u qalulu: "Kun af, sultan, li skont il-liġi tal-popli tal-Medja u l-Persja, ebda
interdett jew ordni ma jista' jitbiddel jekk ikun sar mis-sultan."

17Imbagħad is-sultan ta ordni biex iġibu lil Danjel; u tefgħuh fil-ħofra tal-ljuni. U
s-sultan qabad u qal lil Danjel: "Ħa jeħilsek Alla tiegħek, li lilu dejjem taqdi."

18Ressqu ġebla, qegħduha mad-daħla tal-ħofra, u s-sultan għamlilha fuqha l-
marka bis-siġill tiegħu u s-siġill tal-kbarat tiegħu, ħalli ma jinbidel xejn minn dak
li hu ddeċieda fuq Danjel.

19Imbagħad is-sultan telaq lejn il-palazz tiegħu; il-lejl għaddieh sajjem, u n-
ngħas ħarab minn xfar għajnejh, imma ma ġabulu 'l ħadd biex iderrilu.

20Filgħodu s-sultan qam kmieni mas-sebħ u ħaffef u mar lejn il-ħofra tal-ljuni.

21Kif wasal ħdejn il-ħofra, is-sultan sejjaħ lil Danjel b'leħen imnikket u qallu:
"Danjel, qaddej ta' Alla l-ħaj, kellu l-ħila jeħilsek mil-ljuni dak Alla li lilu dejjem
taqdi?"

22U Danjel wieġeb lis-sultan: "Jalla tgħix għal dejjem, sultan!

23Alla tiegħi bagħat l-anġlu tiegħu jagħlaq ħalq il-ljuni biex ma jagħmluli xejn,
għax huwa sab li jiena kont bla ħtija, mhux biss quddiemu, iżda wkoll
quddiemek, sultan, għax jien m'għamilt xejn ħażin."

24Is-sultan feraħ ħafna b'dan u ordna li jtellgħu lil Danjel mill-ħofra. Tellgħu lil
Danjel mill-ħofra, u sabu li ma kienet ġratlu ebda ħsara, għaliex hu kien ittama
f'Alla tiegħu.

25Imbagħad, bl-ordni tas-sultan, qabdu lil dawk l-irġiel li gidbu fuq Danjel u
xeħtuhom fil-ħofra tal-ljuni, lilhom, lil uliedhom u lin-nisa tagħhom; u anqas biss
laħqu messew qiegħ il-ħofra li l-ljuni ma farrkulhomx għadamhom.

26Imbagħad is-sultan Dariju kiteb lil kull poplu u ġens u lsien, li jgħammru fuq l-
art kollha, u qalilhom: "Sliem bil-kotra għalikom!


© 2020 Malta Bible Society.

[27]Qiegħed nagħmel dan id-digriet biex fl-art kollha li fuqha jiena nsaltan kulħadd
għandu jibża' u jitriegħed quddiem Alla ta' Danjel, għax hu Alla l-ħaj ta' dejjem,
li s-saltna tiegħu ma tinqeridx, u l-ħakma tiegħu ddum sal-aħħar;

[28]minnu l-ħelsien u s-salvazzjoni, hu jagħmel il-mirakli u l-għeġubijiet fis-sema
u fl-art; kien hu li ħeles lil Danjel mill-iljuni!"

[29]Danjel mexa ħafna 'l quddiem, kemm taħt is-sultan Dariju, u kemm taħt Ċiru,
is-sultan tal-Persja.

## Danjel bil-Grieg 7

### L-erba' bhejjem fil-ħolma ta' Danjel

[1]Fl-ewwel sena ta' Beltassar, sultan ta' Babilonja, Danjel ħolom ħolma, u kellu
dehriet f'moħħu waqt li kien mimdud fuq friexu. Wara mbagħad huwa kiteb
ġabra tagħha fil-qosor.

[2]Dan hu li qal Danjel: "Kont qiegħed inħares f'dehra li kelli billejl, u ara, l-erbat
irjieħ tas-sema bdew iqanqlu l-baħar il-kbir;

[3]u mill-baħar ħarġu erba' bhejjem kbar, waħda mhijiex bħall-oħra.

[4]L-ewwel waħda kienet qisha ljun bil-ġwienaħ ta' ajkla. Jiena u nħares,
ġwenħajha nqalgħulha; intrefgħet mill-art, waqqfuha fuq riġlejha bħal bniedem,
u tawha qalb ta' bniedem.

[5]U ara, kien hemm bhima oħra, it-tieni waħda, qisha ors, u waqqfuha fuq ġenb
wieħed; f'ħalqha, bejn snienha, kellha tliet kustilji. 'Qum,' qalulha, 'kul laħam
kemm trid.'

[6]Imbagħad ħarist, u ara, kien hemm oħra, qisha ljupard b'erba' ġwienaħ ta' tajra
fuq dahru; din il-bhima kellha erbat irjus, u tawha setgħa kbira.

[7]Wara dan ħarist fl-istess dehriet li kelli billejl, u ara, kien hemm ir-raba' waħda,
bhima tal-biża' u twerwrek, ta' saħħa tal-għaġeb, bi snien kbar tal-ħadid; bdiet
tiekol u tfarrak, u tgħaffeġ il-fdal taħt saqajha. Din kellha għaxart iqrun, u ma
kinitx bħall-bhejjem l-oħra ta' qabilha.

[8]Qgħadt inħares sewwa lejn il-qrun, u ara f'nofshom nibet qarn ieħor żgħir; tlieta
mill-qrun l-oħra nqalgħu minn għeruqhom quddiem dan il-qarn li kellha
għajnejn bħal ta' bniedem u fommu jlablab ħafna kliem arroganti.

[9]"Kont għadni qiegħed inħares, meta tqiegħdu xi tronijiet, u wieħed Xiħ fl-
għomor qagħad bilqiegħda; ilbiesu abjad silġ, u xuxtu bajda suf; ilsna tan-nar it-
tron tiegħu, nar iħeġġeġ ir-roti tiegħu;


© 2020 Malta Bible Society.

10xmara ta' nar kienet għaddejja, ħierġa minn quddiemu; eluf ta' eluf kienu jaqduh, u għaxart elef ta' għaxriet ta' eluf wieqfa quddiemu. Il-Qorti qagħdet bilqiegħda, u l-kotba nfetħu.

11"Jien bqajt inħares; imbagħad, minħabba l-għajjat u l-kliem arroganti li kien qiegħed jgħid il-qarn, waqt li kont inħares, lill-bhima qatluha, u ġisimha qerduh u tawh għan-nar.

12Lill-bhejjem l-oħra neħħewlhom setgħethom, iżda lilhom ħallewhom ħajjin sa ma jaslulhom il-ħin u l-waqt.

13"U billejl deherli qiegħed nara bħal iben ta' bniedem, ġej mis-sħab tas-sema, li baqa' sejjer sax-Xiħ fl-għomor u ressquh quddiemu.

14U tawh ħakma, ġieħ, u saltna, biex lilu jaqdi kull ġens, u poplu, u lsien. Ħakmietu ħakma għal dejjem li ma tgħaddix, u saltnatu li ma tinqeridx.

15"Jien, Danjel, ħassejtni mnikket fija nnifsi fl-ispirtu, u d-dehriet ta' moħħi ħawduni.

16Ersaqt lejn wieħed minn dawk li kienu hemm wieqfa, u staqsejtu fuq dan kollu biex inkun żgur. U hu kellimni u għarrafni xi tfisser din il-ħaġa.

17'Dawn l-erba' bhejjem kbar huma erba' slaten li għad jiġu fuq l-art.

18Imma s-saltna jirċevuha l-qaddisin ta' Alla l-Għoli, u s-saltna tibqa' tagħhom għal dejjem, u għal dejjem ta' dejjem.'

19Imbagħad ridt niżgura ruħi mir-raba' bhima li ma kinitx bħall-oħrajn, dik il-bhima tal-biża', li kellha s-snien tal-ħadid, u d-dwiefer tal-bronż, u li kienet tiekol u tfarrak, u tgħaffeġ il-fdal taħt saqajha.

20Ridt inkun naf fuq l-għaxart iqrun li kellha fuq rasha, u fuq il-qarn l-ieħor li nibet, u quddiemu nqalgħu minn għeruqhom tlieta mill-oħrajn, u kellu l-għajnejn u l-fomm jgħid ħafna kliem arroganti, u deher akbar mill-oħrajn.

21Jiena u nħares, ġara li dak il-qarn għamel gwerra lill-qaddisin u għelibhom,

22sa ma ġie x-Xiħ fl-għomor u għamel il-ħaqq lill-qaddisin ta' Alla l-Għoli, għax iż-żmien kien wasal; u l-qaddisin irċevew is-saltna.

23"Huwa qal, 'Ir-raba' bhima tfisser ir-raba' saltna, li jkun hawn fuq l-art, u li ma tkunx bħas-saltniet l-oħra; hija tiekol l-art kollha, tisħaqha u tgħaffiġha.

24L-għaxart iqrun ifissru li minn din is-saltna jqumu għaxar slaten; u mbagħad warajhom iqum ieħor li ma jkunx bħalhom, u jwaqqa' tliet slaten.

25Huwa jgħid kliem kontra Alla l-Għoli biex jifni lill-qaddisin tal-Għoli, u jkun irid ibiddel iż-żminijiet u l-liġi, u dawn jingħatawlu f'idejh għal żmien, żminijiet u nofs żmien.


© 2020 Malta Bible Society.

26Imbagħad il-Qorti toqgħod bilqiegħda, u s-setgħa tiegħu jeħduhielu, biex
ineħħuh u jeqirduh u jtemmuh.

27Is-saltna u s-setgħa u l-kobor tas-saltniet ta' taħt is-smewwiet kollha
jingħataw lill-poplu tal-qaddisin ta' Alla l-Għoli. Saltnatu saltna għal dejjem, u
kull setgħa taqdih u tisma' minnu.'

28Sa hawn; tmien id-diskors. Jien, Danjel, tħawwadt ħafna b'dawn il-ħsibijiet, il-
bixra ta' wiċċi tbiddlet, u żammejt dan kollu f'qalbi."

## Danjel bil-Grieg 8

### Il-muntun u l-bodbod fid-dehra ta' Danjel

1Fit-tielet sena tas-saltna tas-sultan Beltassar, jien, Danjel, kelli dehra oħra wara
dik li kelli qabel.

2Harist lejn id-dehra, u jiena u nħares sibt ruħi f'Susa, il-fortizza li hemm fil-
provinċja ta' Għelam. Bqajt inħares fid-dehra, u sibt ruħi ħdejn ix-xmara Ulaj.

3Erfajt għajnejja nħares, u ara, kien hemm muntun wieqaf quddiem ix-xmara;
kellu żewġt iqrun it-tnejn għoljin, imma wieħed kien ogħla mill-ieħor minkejja li
ħareġ warajh.

4U rajt il-muntun jagħti bi qrunu lejn il-Punent, lejn it-Tramuntana u lejn in-
Nofsinhar; ebda bhima ma kellha l-ħila tiqaflu, ħadd ma ħelisha minnu; beda
jagħmel li jogħġbu u jitkabbar.

5Jien qgħadt inħares sewwa, u ara, min-naħa tal-Punent ġie bodbod, għaddej
miexi fuq wiċċ l-art kollha bla ma jmiss l-art. Dan il-bodbod kellu qarn daqsiex
bejn għajnejh.

6Resaq lejn il-muntun ta' żewġt iqrun li rajt wieqaf quddiem ix-xmara, u ħebb
għalih b'saħna u saħħa kbira.

7Rajtu jinxteħet bil-qilla għal fuq il-muntun, u ħebb għalih, u kissirlu ż-żewġt
iqrun, u l-muntun ma kellux il-ħila jiqaflu; xeħtu u għaffġu mal-art, u ħadd ma'
sata' jeħles lill-muntun minn taħt idejh.

8U l-bodbod tkabbar ħafna, u meta ssaħħaħ il-qarn il-kbir inkisirlu u minfloku
telgħulu erbgħa oħra daqsiex, imdawra lejn l-erbat irjieħ tas-sema.

9Imbagħad minn wieħed minnhom nibet qarn ieħor żgħir, li kiber b'mod tal-
għaġeb lejn in-Nofsinhar, lejn il-Lvant u lejn l-art sabiħa;

10tkabbar sal-qtajja' tas-smewwiet, u lil xi wħud minn dawn il-qtajja' u mill-
kwiekeb waddabhom 'l isfel lejn l-art, u għattanhom b'saqajh.

11U baqa' jitkabbar sal-Prinċep tal-qtajja', neħħa s-sagrifiċċju tal-ħruq li kienu
joffrulu kuljum, u żeblaħ il-post imqaddes tiegħu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

12Huwa waqqa' fl-għajb is-sagrifiċċju tal-ħruq u floku qiegħed id-dnub, u xeħet mal-art il-verità u baqa' sejjer jagħmel hekk.

13Imbagħad smajt wieħed mill-qaddisin jitkellem; u qaddis ieħor qal lil dak il-wieħed li kien tkellem: "Kemm se ddum din id-dehra dwar is-sagrifiċċju tal-ħruq ta' kuljum u d-dnub tal-ħerba tal-post imqaddes mogħti għaż-żebliħ u t-tkasbir?"

14U qallu dak: "Sa elfejn u tliet mitt lejla u għodwa; imbagħad isir il-ħaqq lill-post imqaddes."

15Waqt li jien, Danjel, kont inħares lejn id-dehra u nfittex li nifhimha, ara, quddiemi kien hemm wieħed wieqaf qisu bniedem.

16U smajt leħen ta' bniedem isejjaħ fuq l-Ulaj u jgħid: "Gabrijel, fehemhielu d-dehra lil dan."

17Hu ġie ħdejja fejn kont wieqaf, u jien, kif resaq maġenbi, twerwirt u waqajt wiċċi fl-art. Iżda hu qalli: "Bin il-bniedem, kun af li din id-dehra tgħodd għal żmien it-tmiem."

18Malli kellimni ntlift minn sensija kif kont wiċċi mal-art, iżda hu ħarrikni, qajjimni bilwieqfa fejn kont,

19u qalli: "Ara, se ngħarrfek x'se jiġri meta tintemm il-korla, jiġifieri, meta jasal il-waqt, fit-tmiem.

20Iż-żewġt iqrun tal-muntun li rajt huma s-slaten tal-Medja u l-Persja;

21il-bodbod hu s-sultan tal-Greċja, u l-qarn il-kbir li rajtlu bejn għajnejh hu l-ewwel sultan.

22L-erbgħa l-oħra li kibru floku meta nkiser huma erba' saltniet li joħorġu minnu, imma ma jkollhomx saħħa bħal tiegħu.

23"Fl-aħħar tas-saltna tagħhom, meta dnubiethom jilħqu l-quċċata, iqum sultan wiċċu tost u mħarreġ fl-intriċċi.

24Bis-saħħa kbira tiegħu, għalkemm ma tkun saħħtu xejn, jagħmel ħerba liema bħalha, u jibqa' sejjer hekk b'dan l-għemil, u jeqred il-qawwijin u l-poplu tal-qaddisin.

25Bil-ħażen ta' moħħu jimxi 'l quddiem fil-qerq ta' għemilu, jitkabbar f'qalbu u jagħmel qerda sħiħa qisu mhux hu. Imbagħad jieqaf kontra l-Prinċep tal-prinċpijiet, imma jitkisser bla ma jindaħal ebda bniedem.

26Id-dehra tal-lejliet u tal-għodwiet li qalu hija minnha; iżda int żomm din id-dehra mistura, għax għad irid jgħaddi żmien twil."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

27Jien, Danjel, ħassni ħażin u bqajt marid għal xi żmien; imbagħad qomt, mort naqdi dmiri għas-sultan. Id-dehra li kelli nixxfitni, u ma sibtx min ifehemhieli.

## Danjel bil-Grieg 9

### Danjel jitlob għall-poplu

1Fl-ewwel sena ta' Dariju bin Assweru, min-nisel tal-Medi, li kien is-sultan tas-saltna tal-Kaldin,

2fl-ewwel sena tas-saltna tiegħu, jien, Danjel, fittixt fl-Iskrittura biex inkun naf in-numru tas-snin li, skont ma qal il-Mulej lill-profeta Ġeremija, kellhom jgħaddu fuq il-ħerba ta' Ġerusalemm, jiġifieri, sebgħin sena.

3Dawwart wiċċi lejn Alla Sidi biex infittxu bit-talb umli tiegħi u bis-sawm, tfajt fuqi libsa tax-xkejjer u xerridt l-irmied fuq rasi.

4Tlabt lill-Mulej Alla tiegħi, stqarrejt u għedtlu: "Nitolbok, Sidi, Alla l-kbir u tal-biża', li jżomm il-patt ma' dawk li jħobbuh u jħarsu il-kmandamenti tiegħu,

5aħna dnibna, ġibna ruħna ħażin, għamilna d-deni, qomna kontra tiegħek, tbegħedna mill-kmandamenti u l-ġudizzji tiegħek,

6ma smajniex mill-qaddejja tiegħek il-profeti, li f'ismek kellmu lis-slaten u lill-kapijiet tagħna, lil missirijietna u lill-poplu tal-art.

7Il-ġustizzja, o Sid, hija min-naħa tiegħek; iżda min-naħa tagħna, kif aħna llum, aħna għandna l-mistħija ta'wiċċna, ta' wiċċ kull bniedem ta' Ġuda, ta' wiċċ kull min joqgħod Ġerusalemm, ta' wiċċ kulħadd f'Iżrael, sew dawk li huma hawn magħna u sew dawk li huma mbiegħda fl-artijiet li fihom inti tturufnajthom minħabba l-qerq tagħhom kontrik.

8Għajb għal wiċċna, Mulej, għal wiċċ is-slaten u l-kapijiet tagħna, għal wiċċ missirijietna, li dnibna kontrik.

9Mingħand Alla Sidna l-ħniena u l-maħfra, għax aħna qomna kontrih,

10u ma tajniex widen għall-Mulej Alla tagħna meta sejħilna biex nimxu skont il-liġijiet li hu qegħdilna quddiemna permezz tal-qaddejja tiegħu l-profeti.

11L-Iżraelin kollha kisru l-liġi tiegħek, daru lura biex ma jisimgħux leħnek, u għalhekk niżlet fuqna s-saħta u l-ħalfa li Mosè, il-qaddej ta' Alla, kiteb fil-Liġi, għax aħna dnibna kontra Alla.

12U hu għamel li sseħħ il-kelma li qal kontra tagħna u kontra l-imħallfin mexxejja tagħna, meta qal li jġib fuqna għawġ hekk kbir li bħalu qatt ma sar mis-sema 'l isfel kif sar f'Ġerusalemm.


© 2020 Malta Bible Society.

13Dan l-għawġ waqa' fuqna kollu, kif inhu miktub fil-Liġi ta' Mosè, u b'danakollu aħna ma taffejniex il-korla tal-Mulej Alla tagħna, għax la dorna lura minn dnubietna u lanqas ġibna ruħna tajjeb skont is-sewwa tiegħek.

14U l-Mulej qagħad jistenna sa ma ġieb fuqna l-għawġ, għax il-Mulej Alla tagħna huwa ġust f'kulma għamel, u konna aħna li ma smajniex minnu.

15U issa, Alla Sidna, int li b'id setgħana ħriġt lill-poplu tiegħek mill-art tal-Eġittu u għamilt isem li għad għandek sal-lum, aħna dnibna u għamilna l-ħażin.

16Nitolbok, Sidi, f'ġieħ il-ġustizzja kbira tiegħek, raġġa' lura l-korla u l-għadab minn fuq Ġerusalemm, il-belt tiegħek, il-muntanja qaddisa tiegħek, għax minħabba dnubietna u l-ħażen ta' missirijietna Ġerusalemm u l-poplu tiegħek waqgħu għaż-żufjett ta' dawk kollha ta' madwarna.

17Isma' mela, Alla tagħna, it-talba tal-qaddej tiegħek u s-supplika tiegħu, u għall-ġieħ tiegħek stess, Sidi, ixħet id-dawl ta' wiċċek fuq is-santwarju tiegħek li sar ħerba waħda.

18Agħtini widen, Alla tiegħi, u ismagħni; iftaħ għajnejk u ara kif sirna ħerba, aħna u l-belt li ssemmiet għalik; is-supplika tagħna qegħdin irressquha quddiemek mhux għax aħna tajbin, imma għax int kbir fil-ħniena tiegħek.

19Sidi, ismagħna; Sidi, aħfrilna; Sidi, agħtina widen u ddumx ma tagħmel xi ħaġa għalina, Alla tiegħi, għall-ġieħ tiegħek stess, għax int għandek ismek fuq il-belt u l-poplu tiegħek."

### Il-profezija tas-sebgħin ġimgħa

20Kont għadni nitkellem, u nitlob, u nistqarr dnubi u dnub il-poplu tiegħi Iżrael; kont għadni rressaq is-supplika tiegħi quddiem il-Mulej Alla tiegħi għall-muntanja qaddisa ta' Alla tiegħi;

21kont għadni nitkellem u nitlob, meta r-raġel Gabrijel, li rajt fid-dehra ta' qabel, ittajjar bil-ħeffa u resaq lejja u messni f'ħin is-sagrifiċċju ta' filgħaxija.

22U kellimni biex ifehemni, u qalli: "Danjel, jien issa ħriġt biex ngħarrfek u nfiehmek.

23Sa mill-bidu tas-supplika tiegħek ħarġet kelma, u jiena ġejt biex ngħarrafhielek, għax int għażiż. Ifhem il-kelma u kun af x'inhi d-dehra.

24Hu maqtugħ li sebgħin ġimgħa oħra għad baqagħlu l-poplu tiegħek u l-belt qaddisa tiegħek biex jintemm id-dnub, tispiċċa l-ħtija, u jitħallas il-ħażen, biex imbagħad tiġi l-ġustizzja ta' dejjem, u jitqiegħed is-siġill fuq id-dehra u l-profeta, u jkun ikkonsagrat il-Post il-Qaddis.

25Kun af u ifhem, li minn meta ħarġet il-kelma biex jerġgħu jiġu u jibnu lil Ġerusalemm sa ma jasal wieħed ikkonsagrat bħala prinċep, għad iridu jgħaddu


© 2020 Malta Bible Society.

seba' ġimgħat. U fi tnejn u sittin ġimgħa terġa' tinbena għal darb'oħra, bil-pjazez
u l-fossijiet tagħha; imma dan jiġri fi żmien ta' diqa.

26U wara t-tnejn u sittin ġimgħa, wieħed ikkonsagrat jinqatel għad li ma jkollux
ħtija. Il-poplu ta' prinċep li għandu jiġi għad iġarraf il-belt u s-santwarju; tmiemu
jsir b'għargħar ta' ilma, u jkun hemm gwerra sal-aħħar u ħerba, kif ġie maqtugħ
li jsir.

27Hu jidħol f'patt sħiħ ma' ħafna għal tul ta' ġimgħa waħda, u għal nofs ġimgħa
jneħħi s-sagrifiċċju u l-offerta; il-profanazzjoni u l-ħerba jaslu fil-quċċata
tagħhom, sa ma jseħħ kulma hu deċiż u tissawwab il-korla fuq il-qerried."

## Danjel bil-Grieg 10

### Id-dehra ta' Danjel ħdejn it-Tigri

1Fit-tielet sena ta' Ċiru, sultan tal-Persja, ġiet irrivelata kelma lil Danjel, li
jissejjaħ bl-isem ta' Beltassar; din il-kelma, li hi minnha, tgħid li t-tiġrib ikun kbir.
Huwa fehem il-kelma u fehem x'kienet id-dehra.

2F'dak iż-żmien jien, Danjel, għaddejt tliet ġimgħat fin-niket.

3Ebda ikel bnin ma kilt, ebda laħam u nbid ma daħal f'ħalqi, u b'xejn ma ndlikt
sa ma għaddew it-tliet ġimgħat.

4Imbagħad, fl-erbgħa u għoxrin tal-ewwel xahar, sibt ruħi f'xatt ix-xmara l-kbira,
it-Tigri.

5Erfajt għajnejja nħares, u ara, kien hemm raġel liebes l-għażel, bi ħżiem tad-
deheb fin ta' Ufaz ma' ġenbejh.

6Ġismu kien qisu tat-topazju, wiċċu jleħħ bħal berqa, għajnejh żewġ ġamriet tan-
nar, dirgħajh u riġlejh qishom tal-bronż ileqq, u leħnu huwa u jitkellem kont
tistħajlu l-ħoss ta' kotra nies.

7Din id-dehra rajtha jiena waħdi, Danjel; in-nies li kienu miegħi ma rawhiex id-
dehra, u b'danakollu qabdithom rogħda kbira u telqu jiġru biex jinħbew.

8Bqajt waħdi nħares lejn din id-dehra kbira; saħħti ħallietni, lewn wiċċi tbiddel
u mar, u bqajt bla ħila ta' xejn.

9Smajt il-ħoss tal-kliem ta' dak ir-raġel, u kif smajt il-ħoss ta' kliemu waqajt għal
wiċċi mitluf minn sensija u bqajt hemm, wiċċi mal-art.

10U ara, id messitni u qajmitni mriegħed fuq irkupptejja u wiċċ idejja.

11U dak qalli: "Danjel, raġel għażiż, ifhem il-kliem li se ngħidlek; qum fuq tiegħek,
għax issa bagħtuni għandek." Kif qalli dan, jien qomt bilwieqfa b'rogħda fuqi.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

12U qalli: "Tibża' xejn, Danjel, għax kliemek instama' sa mill-ewwel jum li int għamilt il-ħsieb li tifhem u ċċekkint quddiem Alla tiegħek; u jien għalhekk ġejt, minħabba kliemek.

13Il-prinċep tas-saltna tal-Persja dam wieħed u għoxrin ġurnata jżomm kontrija iżda ara, Mikiel, wieħed mill-prinċpijiet ewlenin, ġie biex jagħtini l-għajnuna, u jien bqajt hemm ħdejn is-sultan tal-Persja.

14Issa ġejt biex nurik x'se jiġrilu l-poplu tiegħek fl-aħħar taż-żmien; għax għad baqa' ż-żmien biex din id-dehra sseħħ."

15Kif qalli dan, jien niżżilt ħarsti lejn l-art u tbikkimt.

16U ara, ġie wieħed, qisu iben ta' bniedem, u messli xufftejja. Jien ftaħt fommi biex inkellem lil dak li waqaf quddiemi, u għedtlu: "Sidi, minħabba d-dehra reġgħu ġew fuqi tbatijiet u ma baqagħlix saħħa.

17Kif jista' mela l-qaddej ta' dan sidi jkellem lil dan sidi meta jien bħalissa ma fadallix saħħa u ebda nifs ma baqa' fija?"

18Dak li deherli f'sura ta' bniedem raġa' messni, raddli saħħti,

19u qalli: "Tibża' xejn, għażiż, is-sliem għalik. Rabbi l-ħila, agħmel il-qalb!" Għal dan il-kliem jien ħassejtni nistejqer, u għedtlu: "Ħa jitkellem sidi, għax issa raddejtli saħħti lura."

20U hu qalli: "Taf int għalfejn ġejt għandek? Jien issa se nerġa' mmur nitqabad mal-prinċep tal-Persja, u meta mmur, ara, jiġi l-prinċep tal-Greċja.

21Iva, se ngħarrfek x'hemm miktub fil-ktieb tal-verità; ma jkunx hemm min jagħtini daqqa ta' id kontrihom ħlief il-prinċep tagħkom Mikiel."

## Danjel bil-Grieg 11

1U jien fl-ewwel sena tas-sultan Dariju tal-Medja kont wieqaf biex ngħinu u nagħmillu l-qalb.

### Alessandru l-Kbir (356-323 QK) u l-Persja

2"Issa ħalli ngħidlek il-verità. Ara, iqumu tliet slaten oħra fil-Persja; imbagħad jiġi ieħor, ir-raba' wieħed, li jkun għani aktar minnhom ilkoll. Dan, wara li jkun tqawwa bl-għana tiegħu, jibda jxewwex lil kulħadd għas-saltna tal-Greċja.

3Imma jqum sultan qawwi li jħaddem ħakma kbira u jibda jagħmel li jfettillu.

4Iżda meta jkun waqqaf is-saltna, is-saltna tiegħu tisfaxxa u tinqasam lejn l-erbat irjieħ tas-sema; mhux uliedu jeħduha warajh, anqas ma tkun maħkuma kif ikun ħakimha hu, għax saltnatu tittieħed minn idejn uliedu u tingħata lil oħrajn.

### Gwerer bejn is-slaten tas-Sirja u s-slaten tal-Eġittu (312-163 QK)


© 2020 Malta Bible Society.

5“Is-sultan tan-Nofsinhar jitqawwa, imma wieħed mill-prinċpijiet tiegħu jsir aqwa minnu u jagħmel il-ħakma tiegħu ħakma kbira.

6Wara xi snin, dawn it-tnejn jagħmlu għaqda bejniethom; bint is-sultan tan-Nofsinhar tmur għand is-sultan tat-Tramuntana biex iseħħ il-ftehim, iżda hi ma jkollhiex ħila żżomm setgħetha. Is-sultan ma jibqax ħaj, anqas nislu, u hi tkun mogħtija għall-mewt, flimkien ma’ dawk li jkunu wassluha, ma’ binha u ma’ dak li jkun żamm magħha.

7Biż-żmien, minn għeruqha tqum rimja flok is-sultan, jiġi kontra l-eżerċtu, jidħol fil-fortizza tas-sultan tat-Tramuntana, u jġib ruħu bl-iebes magħhom u jirbaħ.

8L-allat u l-idoli tagħhom iġorrhom lejn l-Eġittu bħala priża, flimkien mat-tagħmir prezzjuż tagħhom tal-fidda u d-deheb, u mbagħad għal xi snin ma jeħodhiex kontra s-sultan tat-Tramuntana.

9Imbagħad dan imur fis-saltna tas-sultan tan-Nofsinhar u jerġa’ lura f’pajjiżu.

10Uliedu jixxewxu, jiġbru eżerċtu kbir u kotran, u, bħal mewġa qawwija li ġġorr kollox quddiemha u tibqa’ għaddejja, huwa jerġa’ jiġi biex għal darba oħra jqanqal taqbida sal-fortizza tiegħu.

11Is-sultan tan-Nofsinhar jimtela bil-qilla u joħroġ jitqabad mas-sultan tat-Tramuntana, li jmur jiqaflu b’kotra kbira, iżda din il-kotra taqa’ taħt idejh.

12U, wara li jkun ġarr din il-kotra miegħu, jibda jitkabbar bih innifsu, u jixħet mal-art eluf ta’ eluf; iżda, minkejja dan kollu, huwa ma jissaħħaħx.

13Imbagħad is-sultan tat-Tramuntana jerġa’ jiġbor kotra akbar minn qabel, u wara li jgħaddu xi snin jiġi b’eżerċtu kbir u mgħammar tajjeb ħafna.

14F’dak iż-żmien ikun hemm ħafna li jqumu kontra s-sultan tan-Nofsinhar, u fost il-poplu tiegħek ukoll ikun hemm dawk li jitfixklu biex isseħħ id-dehra, u dawn jaqgħu.

15Is-sultan tat-Tramuntana jiġi u jtella’ rampi quddiem belt iffortifikata biex jeħodha taħt idejh, u la l-forzi armati tas-sultan tan-Nofsinhar u lanqas l-aħjar nies tiegħu ma jżommuh, għax ma jkollhomx il-ħila jiqfulu.

16Dak li jkun ġie kontra tiegħu jagħmel bih li jrid bla ma jżommu ħadd, u jibqa’ fis-sod fil-pajjiż glorjuż li jaqa’ kollu kemm hu taħt idejh.

17Imbagħad iwaħħal f’rasu li jġib saltnatu kollha taħt setegħtu. Għalhekk jirranġa miegħu, jagħtih b’martu lil bintu biex forsi jeqridlu s-saltna, iżda ma jasalx u ma jirnexxilux.

18Wara dan huwa jdur għall-gżejjer, u ħafna minnhom jeħodhom taħt idejh; iżda jkun hemm prinċep li jrażżanlu l-wiċċ sfiq tiegħu, mhux biss, imma wkoll ipattilu għall-imġiba tiegħu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

19Imbagħad ikun irid jerġa' lura lejn il-fortizzi ta' pajjiżu, imma jaqa' mifni fit-
triq u ħadd iżjed ma jsibu.

20Imbagħad iqum minfloku wieħed, li jibgħat uffiċjal tat-taxxi fil-post glorjuż tas-
saltna, imma wara ftit ġranet joqtluh; u mhux f'xi saltna jew fi gwerra.

**Il-persekuzzjoni ta' Antijoku IV Epifani (175-163 QK)**

21"Minfloku jqum wieħed, raġel ta' min imaqdru, li, għalkemm ma tkunx
ingħatatlu l-glorja ta' sultan, jindiehes inkiss inkiss u jaħtaf is-saltna bl-ipokrisija
tiegħu.

22L-eżerċti jieħdu tkaxkira kbira u jitfarrku quddiemu, u hekk ukoll jiġrilu l-
prinċep tal-patt.

23Huwa jqarraq b'dawk li jissieħbu miegħu, u jikber u jissaħħaħ minkejja li jkollu
miegħu ftit nies biss.

24Minn taħt il-taħt jiddeffes fl-inħawi l-iżjed għonja tal-pajjiż u jagħmel ħwejjeġ
li la missirijietu u lanqas ta' qabilhom ma jkunu qatt għamlu: ixerred fosthom
prejjeż, ħtif u ġid, u għal xi żmien iħejji ruħu għall-fortizza.

25Huwa jagħmel ħiltu u jqawwi qalbu, u b'eżerċtu kbir imur jeħodha kontra s-
sultan tan-Nofsinhar. Dan ilesti għall-gwerra b'eżerċtu kbir u qawwi ħafna, iżda
ma jagħmel xejn minħabba t-tnassis li jagħmlu kontrih

26dawk stess li jkunu jieklu mill-ikel bnin tiegħu. Dawn ikunu t-telfa tiegħu, l-
eżerċtu tiegħu jieħu tkaxkira, u ħafna jaqgħu mejta.

27Iż-żewġ slaten, b'moħħhom ifassal il-ħażen, jgħidu kliem b'ieħor saħansitra
waqt li jkunu fuq mejda waħda, imma ma jaslu mkien, għax ikun għadu mhuwiex
il-waqt.

28U jerġa' lura lejn pajjiżu b'ġid kbir, kollu thewdin kontra l-patt imqaddes,
iħabrek u jerġa' jmur f'pajjiżu.

29Għal darb'oħra, meta jasal il-waqt imur lejn in-Nofsinhar, imma din il-mawra
tiegħu tal-aħħar ma tkunx bħal ta' qabel,

30għax jiġu għalih l-iġfna ta' Kittin, u hu jaqta' qalbu u jerġa' lura. Mixgħul bil-
korla jaħdem kontra l-patt imqaddes, u mill-ġdid iżomm fi ħsiebu lil dawk li
jkunu nfirdu mill-patt imqaddes.

31Xi forzi mibgħuta minnu joqogħdu jkasbru s-santwarju u l-fortizza, ineħħu s-
sagrifiċċju tal-ħruq ta' kuljum, u jipprofanaw u jħarbtu t-tempju.

32Hu jġib ruħu b'ħafna tmellis qarrieq ma' dawk li jkunu kisru l-patt, imma mill-
poplu dawk li jkunu jagħrfu lil Alla tagħhom iżommu sħiħ u jibqgħu sejrin
b'ħidtmiethom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[33]L-għorrief tal-poplu jgħallmu ħafna nies, imma s-sejf u n-nar u l-jasar u s-serq ikunu tfixkil għalihom għal xi żmien.

[34]Waqt dan it-tfixkil isibu xi ftit tal-għajnuna minn ħafna wċuħ b'oħra li taparsi jingħaqdu magħhom.

[35]Fost l-għorrief ikun hemm min jitfixkel, imma xi wħud minnhom jissaffew, jintgħażlu mill-bqija u jindafu sal-aħħar taż-żmien, għax ikun għadu mhuwiex il-waqt.

[36]Is-sultan jagħmel li jfettillu, jintrefa' u jitkabbar fuq kull alla, jgħid ħwejjeġ tal-għaġeb kontra Alla tal-allat, u jibqa' sejjer hekk sa ma tintemm il-korla, għax dak li hu maqtugħ jeħtieġ li jsir.

[37]Lanqas tal-allat ta' missirijietu ma jagħti kas, jew tal-alla għażiż tan-nisa; minn ebda alla ma jħabbel rasu, għax hu jitkabbar fuqhom ilkoll.

[38]Minflokhom jibda jagħti ġieħ lill-alla tal-fortizzi; huwa jqim lil dak l-alla li missirijietu ma kinux jafu bih, u joffrilu deheb u fidda, ħaġar prezzjuż u ħwejjeġ oħra ta' siwi kbir.

[39]Għall-ħarsien tal-fortizzi jagħżel poplu ta' alla barrani, jimla bil-ġieħ lil dawk li jqimu lil dan alla, jagħtihom is-setgħa fuq ħafna u jqassmilhom l-art bħala ħlas.

### It-tmiem ta' Antijoku IV Epifani (163 QK)

[40]"Fiż-żmien tal-aħħar is-sultan tan-Nofsinhar jaħbat għalih, imma s-sultan tat-Tramuntana joħroġ b'saħna għal fuqu bil-karrijiet u r-rikkieba tiegħu u b'kotra ta' iġfna, u jidħol f'artijiet bħal mewġa li ġġorr kollox hija u għaddejja;

[41]jidħol f'art il-ġmiel, u n-nies jaqgħu bl-eluf ta' eluf. Minn taħt idejh jeħilsu dawn: Edom, Mowab, u l-aħjar parti ta' wlied Għammon.

[42]Imidd idu fuq l-artijiet, u anqas l-art tal-Eġittu ma teħlisha.

[43]Iġib taħt setegħtu t-teżori tad-deheb u tal-fidda u kull ħaġa prezzjuża tal-Eġittu; lill-popli tal-Libja u tal-Etjopja jkarkarhom warajh.

[44]Iżda x-xnigħat li jaslulu mil-Lvant u t-Tramuntana jaħsduh, u b'saħna ta' korla jitlaq ħalli jeqred qerda lil ħafna.

[45]Itella' t-tined irjali tiegħu fil-wita bejn il-baħar u l-muntanja glorjuża u qaddisa, imma jasal fi tmiemu u ma jsib għajnuna ta' ħadd."

## Danjel bil-Grieg 12

### Is-salvazzjoni tal-poplu fl-aħħar żmien

[1]"F'dak iż-żmien iqum Mikiel, il-prinċep il-kbir, dak li qiegħed fuq ulied il-poplu tiegħek. Imbagħad jiġi żmien ta' għawġ, li qatt ma jkun deher ieħor bħalu minn


© 2020 Malta Bible Society.

mindu ġens kien ġens sa dak iż-żmien. Imma jkun żmien li fih il-poplu tiegħek jinħeles, dawk kollha li jkunu nstabu miktuba fil-ktieb.

2U ħafna minn dawk li huma rieqda fit-trab tal-art jistenbħu, min għall-ħajja ta' dejjem u min għall-għajb u l-istmerrija għal dejjem.

3Il-bnedmin bil-għaqal ikollhom fuqhom dija bħal dik tas-sema, u dawk li jkunu wasslu 'l ħafna fis-sewwa jkunu jiddu bħal kwiekeb għal dejjem ta' dejjem.

4Imma int, Danjel, agħlaq dan id-diskors u ssiġilla l-ktieb saż-żmien tal-aħħar. Ħafna bnedmin għad jifluh sewwa u jikbru fl-għaqal."

5Imbagħad jien, Danjel, ħarist, u ara, kien hemm tnejn oħra weqfin, wieħed fuq kull naħa tax-xmara.

6U wieħed minnhom qal lil dak li kien liebes l-għażel u li kien qiegħed 'il fuq mill-ilma tax-xmara: "Kemm baqa' għat-tmiem tal-għeġubijiet?"

7Ir-raġel liebes l-għażel, li kien qiegħed 'il fuq mill-ilma tax-xmara, rafa' idu l-leminija u idu x-xellugija lejn is-smewwiet, u smajtu jaħlef b'Dak li hu Ħaj għal dejjem u qal li għad baqa' żmien, żminijiet u nofs żmien, u li dan kollu għad iseħħ meta l-qawwa tal-poplu l-qaddis ma tibqax tixxerred iżjed.

8Jiena bqajt nisma' bla ma nifhem; imbagħad għedtlu: "Sidi, x'se jiġri wara dan kollu?"

9Iżda hu qalli: "Mur, Danjel, għax dan id-diskors huwa magħluq u ssiġillat saż-żmien tal-aħħar.

10Ikunu ħafna dawk li jintgħażlu mill-bqija, jindafu u jissaffew; imma l-ħżiena jibqgħu jagħmlu l-ħażin, u ebda wieħed minnhom ma jifhem xejn, jifhmu biss dawk li jkunu bil-għaqal.

11U wara li jitneħħa s-sagrifiċċju tal-ħruq ta' kuljum, wara l-profanazzjoni u l-ħerba tat-tempju, ikun għad baqa' elf u mitejn u disgħin jum ieħor.

12Hieni min jistenna u jasal sa elf u tliet mija u ħamsa u tletin ġurnata oħra.

13Imma int ibqa' sejjer lejn l-aħħar mistrieħ tiegħek; u mbagħad, meta jintemm iż-żmien, tqum għall-wirt li jmissek."


© 2020 Malta Bible Society.

# Hosegħa

## Hosegħa 1

### Il-Profeta sinjal tal-imħabba ta’ Alla għall-poplu tiegħu

[1]Il-kelma tal-Mulej li ġiet lil Hosegħa bin Beri, fi żmien Għużżija, Ġotam, Aħaż u Ħeżekija, slaten ta’ Ġuda, u fi żmien Ġerobogħam bin Ġowas, sultan ta’ Iżrael.

[2]Meta fil-bidu l-Mulej tkellem permezz ta’ Hosegħa, qallu: “Mur, ħu b’martek mara żienja, ħa jkollok ulied iż-żina, għax l-art żniet billi twarrbu mill-Mulej.”

[3]U mar u ħa b’martu lil Gomer bint Diblajm, u tqalet u wilditlu tifel.

[4]U l-Mulej qallu: “Semmih Ġeżragħel, għaliex ftit ieħor, u jien nitħallas għad-demm ta’ Ġeżragħel minn dar Ġeħu, u ntemm is-saltna ta’ dar Iżrael:

[5]meta jasal il-jum inkisser il-qaws ta’ Iżrael fil-wied ta’ Ġeżragħel.’

[6]U reġgħet tqalet u wildet tifla; u l-Mulej qallu: “Semmiha Lo-ruħama, għaliex m’iniex se nħobb aktar id-dar ta’ Iżrael, m’iniex se naħfrilhom aktar.

[7]Imma nħobb id-dar ta’ Ġuda, u nsalvahom bil-Mulej Alla tagħhom, u mhux bil-qaws, jew bis-sejf, jew bil-lanza, jew biż-żiemel, jew bir-rikkieba.

[8]U fatmet ’il dik li kien jisimha Lo-ruħama u reġgħet tqalet, u wildet tifel.

[9]U qal il-Mulej: “Semmih Lo-għammi, għax intom m’intomx il-poplu tiegħi u jiena m’iniex Alla tagħkom.

## Hosegħa 2

### It-tiġdid tal-poplu

[1]U jiġri li l-għadd ta’ wlied Iżrael ikun bħar-ramel tal-baħar li ma jitkejjilx u lanqas jingħadd. U jiġri li fil-post fejn kienu jgħidulhom: ‘M’intomx il-poplu tiegħi,’ jibdew jgħidulhom: ‘Intom ulied Alla l-ħaj’.

[2]Imbagħad ulied Ġuda u wlied Iżrael jinġemgħu flimkien, u jaħtru kap wieħed għalihom u jitilgħu mill-art: għax kbir ikun jum Ġeżragħel.

[3]Għidu lil ħutkom subien, ‘Għammi’, u lil ħutkom bniet, ‘Ruħama’.

### Id-dnub ta’ Gomer

[4]“Tlewmu ma’ ommkom! Tlewmu magħha! għax hi mhijiex marti, u jien m’iniex żewġha. Ħa twarrab iż-żina tagħha minn fuq wiċċha, u l-adulterji tagħha minn ħobbha.

[5]Li ma nneżżagħhiex għarwiena, u nagħmilha bħal dakinhar li twieldet, u nġibha bħad-deżert u nagħmilha bħal art niexfa, u noqtolha bil-għatx.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

6Lanqas għal uliedha ma nħenn għax huma wlied iż-żina;

7għax ommhom żniet. Dik li wildithom waqgħet fl-għajb għax hi qalet: 'Jiena mmur wara ħbiebi għax huma tawni l-ikel u l-ilma, is-suf u l-għażel, iż-żejt u x-xorb tiegħi.'

8Għalhekk nagħlqilha triqitha bix-xewk, nibnilha ħajt madwarha, biex ma ssibx mogħdija.

9Tmur tiġri wara ħbiebha, u ma tilħaqhomx; tmur tfittixhom u ma ssibhomx. U tgħid: 'Nerġa' lura għand l-ewwel żewġi, għaliex kont aħjar f'dak iż-żmien minn issa.'

10Hi ma għarfitx li kont jien li tajtha l-qamħ u l-inbid u ż-żejt, u kattartilha l-fidda u d-deheb li bihom għamlu 'l Bagħal.

11"Għalhekk nerġa' nieħu lura l-qamħ tiegħi f'waqtu, l-inbid tiegħi f'waqtu, nieħu lura s-suf u l-għażel tiegħi li kienu jgħattu l-għera tagħha;

12nikxef l-għajb tagħha quddiem ħbiebha, u ħadd ma jeħlisha minn idejja.

13U ntemm il-ferħ kollu tagħha, il-festi, il-qamar ġdid, is-Sibtijiet u l-btajjel kollha tagħha.

14Nagħmel ħerba d-dwieli u t-tin tagħha, li għalihom qalet: 'Dawn huma l-ħlas li tawni ħbiebi', nagħmilhom masġar fejn jirgħu l-bhejjem tar-raba'.

15Inġegħelha tħallas għall-jiem kollha li fihom offriet l-inċens quddiem Bagħal, u żżejnet bid-deheb u l-ġawhar u ġriet wara ħbiebha; u lili nsietni," jgħid il-Mulej.

### Imħabba mill-ġdid

16"Għalhekk, araw, jiena se niġbidha, neħodha fid-deżert u lil qalbha nkellem.

17Minn hemm nagħtiha lura l-għelieqi tad-dwieli li kellha, u wied Għakor ikunilha bieb għat-tama. Hemmhekk hi twieġeb bħal fi żmien żgħożitha, bħal fi żmien ħruġha minn art l-Eġittu.

18U jiġri f'dak il-jum, oraklu tal-Mulej, li hi ssejjaħli: 'Żewġi'; lili ma ssejjaħlix 'Sidi', iżjed.

19Inneħħilha minn fommha isem il-Bagħalim u isimhom ma ssemmihx aktar.

20U f'dak il-jum nagħmel patt għalihom mal-bhejjem tar-raba' u mat-tjur tal-ajru mal-annimali li jitkaxkru mal-art, u nkisser minn fuq l-art il-qaws, ix-xabla u l-gwerra; kulħadd jorqod moħħu mistrieħ.

21"Għal dejjem ngħarrsek miegħi, ngħarrsek miegħi fis-sewwa u l-ħaqq, fl-imħabba u l-ħniena,

22b'rabta fidila jiena ngħarrsek miegħi, u int tagħraf lill-Mulej.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

23F'dak il-jum, oraklu tal-Mulej, is-smewwiet ikollhom tweġiba mingħandi,

24u l-art ikollha tweġiba mingħandhom; u l-qamħ u l-inbid u ż-żejt ikollhom
tweġiba mill-art, u Ġeżragħel ikollu tweġiba mingħandhom.

25U niżirgħu għalija fl-art, u nħobb lil 'Lo-ruħama', u lil 'Lo-għammi' ngħidlu: 'Inti
l-poplu tiegħi' u hu jgħidli: 'Alla tiegħi'."

## Hosegħa 3

### Il-maħfra ta' Gomer

1U qalli l-Mulej: "Erġa' mur, u ħobb il-mara, maħbuba minn żewġha, li ħallietu
biex tingħaqad ma' rġiel oħra; l-istess kif il-Mulej iħobb 'l ulied Iżrael, għalkemm
huma jduru lejn allat oħra u jħobbu l-ftajjar taż-żbib."

2U xtrajtha għal ħmistax-il biċċa tal-fidda u xkora u nofs xgħir,

3u għedtilha: "Int tibqa' miegħi għal żmien twil, ma tiżnix u ma tkunx ta' xi raġel
ieħor; u hekk ukoll jien nagħmel miegħek."

4Għaliex ulied Iżrael jibqgħu għal żmien twil bla sultan u bla prinċep, bla
sagrifiċċju u bla plieri, bla efod u bla terafim.

5Imbagħad ulied Iżrael jerġgħu lura jfittxu lill-Mulej, Alla tagħhom, u lil David,
is-sultan tagħhom; jersqu jitriegħdu quddiem il-Mulej, jersqu biex jieħdu l-ġid
tal-Mulej fil-jiem li għad iridu jiġu.

## Hosegħa 4

### Id-dnubiet ta' Iżrael

1Isimgħu l-kelma tal-Mulej, ulied Iżrael. Għax il-Mulej għandu kawża man-nies
tal-pajjiż. Għax m'hemmx fedeltà u lanqas tjieba; m'hemmx għarfien ta' Alla fl-
art;

2ħalf u gideb, qtil u serq; u kotra ta' adulterji, vjolenza fil-pajjiż, u delitt fuq ieħor.

3Għalhekk il-pajjiż għad jibki, u jinfena kull min jgħammar fih; il-bhejjem tax-
xagħri, u t-tajr tal-ajru, u mqar il-ħut ukoll jinqered.

4Madankollu ħadd m'għandu jitlewwem, ħadd m'għandu jipprotesta: il-ġlieda
tiegħi miegħek, qassis.

5Int togħtor binhar, u jogħtor miegħek billejl il-profeta wkoll, u jien neqridlek 'l
ommok.

6Jinqered il-poplu tiegħi minħabba n-nuqqas ta' għarfien. U billi inti warrabt l-
għarfien, inwarrbek jien milli tkun qassis għalija. Talli int insejt il-liġi ta' Alla
tiegħek, jien wkoll ninsa lil uliedek.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

7Aktar ma kotru, aktar dinbu kontrija. Imma jien inbiddel il-glorja tagħhom f'għajb.

8Jieklu minn fuq dnub il-poplu tiegħi, imxennqa għal ħżunithom.

9Poplu u qassis l-istess jiġrilhom. Jien nikkastiga mġibtu, u għemilu rreġġa' għal fuqu.

10Għad jieklu, u ma jixbgħux, jiżnu u ma joktrux. Għax warrbu lill-Mulej, biex marru jgħożżu ż-żina.

11L-inbid ġdid u l-qadim itellfu l-għaqal.

12Il-poplu tiegħi jmur jistħarreġ l-għuda tiegħu, u l-ħatar tiegħu iħabbarlu; għax l-ispirtu taż-żina tellifhom it-triq, u żnew u tbiegħdu minn Alla tagħhom.

13Joffru s-sagrifiċċji fuq il-qċaċet tal-muntanji, u jaħarqu l-inċens fuq l-għoljiet, taħt il-ballut, il-luq u t-terebint, għax dellhom tajjeb. Għalhekk bnietkom jiżnu, u n-nisa ta' wliedkom adulteri.

### L-adulterji ta' Iżrael

14Ma nikkastigax 'il bnietkom għax jiżnu, lanqas in-nisa ta' wliedkom għax adulteri. Għax l-irġiel stess iwarrbu man-nisa żienja, u joffru s-sagrifiċċju man-nisa tas-santwarji, u hekk jintemm poplu bla għaqal.

15Jekk żienja int, Iżrael, tħallix 'il Ġuda jaqa' fil-ħtija. La tmorrux Gilgal u la titilgħux Bet-awen, u la taħilfux: "Daqs kemm hu ħaj il-Mulej."

16Bħal għoġla rasha iebsa, webbset rasha Iżrael: Jista' issa jirgħahom il-Mulej, bħallikieku ħrief fil-mergħat wiesgħa?

17Efrajm issieħeb mal-allat, erħilu waħdu.

18Legilgu kemm felħu, u żnew kemm riedu. Habbew l-għajb aktar minn ġieħhom.

19Riefnu għad jaħtafhom taħt ġwinħajh, u huma għad jistħu mill-artali tagħhom.

## Hosegħa 5

1Isimgħu dan, qassisin, agħtu widen, dar Iżrael; u isma', dar is-sultan, għalikom hemm il-ħaqq. Intom sirtu nasba f'Misfa, u xibka mifruxa fuq it-Tabor.

2U l-midinbin niżlu fil-qiegħ ta' ħżunithom, imma jien nikkastigahom ilkoll.

3Jien naf lil Efrajm, u Iżrael mhuwiex moħbi minni. Għax issa Efrajm żena, u Iżrael tniġġes.

4L-għemejjel tagħhom ma jħalluhomx jerġgħu lura lejn Alla tagħhom. Għax l-ispirtu taż-żina fihom, u lill-Mulej ma jagħrfuhx.


© 2020 Malta Bible Society.

5Il-kburija ta' Iżrael tixhed kontrih, Efrajm jitfixkel fi ħżunietu; u magħhom jitfixkel Ġuda wkoll.

6Bl-imrieħel u l-baqar imorru jfittxu lill-Mulej, imma ma jsibuhx, għax warrab minnhom.

7Qarrqu bil-Mulej, għax wildu wlied iż-żina. Il-qamar ġdid jeqridhom, u magħhom ir-raba' tagħhom.

8Doqqu t-tromba f'Gibgħa, u t-trumbetta f'Rama. Agħtu l-allarm lil Bet-awen: 'Ġejjin għalik, Benjamin!'

9Efrajm isir ħerba f'jum il-kastig; għat-tribujiet ta' Iżrael, ngħarraf dak li għandu jseħħ.

10Il-prinċpijiet ta' Ġuda saru bħal dawk li jħarrku s-sinjali tal-miżrugħ fir-raba'. Fuqhom għad insawwab, bħall-ilma s-saħna tiegħi.

11Efrajm maħqur, jeddu mżeblaħ, għax mar minn rajh wara x-xejn.

12Jien bħall-kamla għal Efrajm; bħas-susa għal dar Ġuda.

13Malli ra Efrajm il-marda tiegħu, u Ġuda l-ġerħa tiegħu, Efrajm mar għand l-Assirja, u Ġuda bagħat għas-sultan il-kbir; imma dan ma jistax ifejjaqkom, u lanqas ineħħilkom il-ġerħa.

14Għax jien bħal iljun għal Efrajm, u ferħ ta' ljun għad-dar ta' Ġuda. Jien, jien li naħtaf il-priża u nitlaq, naqbadha bla ħadd ma jaħtafhieli.

**Indiema u tiġdid**

15Nerġa' lura lejn posti, sakemm ma jħallsux għal dnubhom, u ma jfittxux 'il wiċċi, u fin-niket tagħhom ma jfittxunix u jgħidu:

## Hosegħa 6

1"Imxi, ħa nerġgħu lura għand il-Mulej, għax huwa tertaqna, imma se jdewwina, hu sawwat, imma se jinfaxxalna l-ġrieħi.

2Wara jumejn jerġa' jagħtina l-ħajja, imbagħad fit-tielet jum jerġa' jqajjimna, sabiex quddiemu ngħixu.

3Nagħrfu l-Mulej, u nfittxu nagħrfuh iżjed, daqs kemm hu żgur is-sebħ, hekk il-ħruġ tiegħu; hu jiġi bħalma tiġi x-xita fuqna, bħax-xita mwaħħra illi ssaqqi l-art."

4U x'naqbad nagħmel jien bik, Efrajm? X'se naqbad nagħmel bik, Ġuda? It-tjieba tagħkom qisha s-sħab tal-għodwa, tixbah lin-nida li tinxtorob kmieni.

5Għalhekk inġarthom jiena bil-profeti, u bi kliem fommi qtilthom, u l-ħaqq tiegħi joħroġ qisu dawl.


© 2020 Malta Bible Society.

6Għaliex jiena tjieba rrid, mhux sagrifiċċju; li tagħrfu 'l Alla rrid, u mhux vittmi maħruqa.

7Iżda huma bħal Adam kisru l-patt, u ma baqgħux fidili lejja.

8Gilgħad hi belt ta' nies li jagħmlu l-ħażen, kollha rfis bid-demm.

9Bħal ġemgħa ħallelin jistennew bniedem, qatgħa ta' qassisin miftiehma, jaqbżu u joqtlu fit-triq ta' Sikem; għamlu għemil li jkexkex.

10F'Betel rajt ħwejjeġ li jwaħħxu, hemm Efrajm jagħtiha għaż-żina, u Iżrael jitniġġes.

11Ġuda, għalik ukoll għad inħejji l-ħsad.

#### Il-ħażen ta' Iżrael

Kull meta rrid, rraġġa' x-xorti tal-poplu tiegħi.

## Hosegħa 7

1Meta rrid infejjaq lil Iżrael, nsib quddiemi l-ħtija ta' Efrajm, u l-ħażen ta' Samarija: qarrieq għemilhom, bħall-ħallelin jidħlu fid-djar, u bħall-briganti jisirqu minn barra.

2Qatt ma jieqfu jaħsbu li jien naf ħżunithom kollha; għemilhom kollu ta' madwarhom, kollu quddiem għajnejja.

3Bil-ħażen tagħhom iferrħu s-sultan, u bil-qerq tagħhom il-prinċpijiet.

4Ilkoll mixgħula bl-għadab, bħal forn imkebbes li l-furnar ma jrewwaħlux in-nar, minn xħin jagħġen sakemm l-għaġna togħla.

5F'jum is-sultan tagħna, il-prinċpijiet tegħlibhom is-saħna tal-inbid, u hu idu jagħti lin-nies qarrieqa.

6Qalbhom bħal forn taħraq bit-tnassis; l-għadab tagħhom billejl jorqod, u mas-sebħ iħeġġeġ bħal nar ilebleb.

7Ilkoll mixgħula bħal forn imqabbad, u jikkunsmaw il-mexxejja tagħhom. Is-slaten kollha tagħhom waqgħu, u ħadd minnhom ma sejjaħli.

#### L-alleanzi mal-barranin

8Efrajm mal-ġnus jitħallat, Efrajm bħal ftira mhux imqallba.

9Il-barranin kilulu saħħtu, u hu ma ntebaħx. Ix-xagħar abjad ukoll traxxax fuqu, u anqas intebaħ bih.

10Is-suppervja ta' Iżrael tixhed kontrih; imma huma ma jerġgħux lura lejn il-Mulej, Alla tagħhom; minkejja dan kollu ma jfittxuhx.


© 2020 Malta Bible Society.

11Efrajm sar qisu ħamiema, belha u bla għaqal; lill-Eġittu jsejjaħ, u lejn l-Assirja
jmur.

12Huma u sejrin, nifrex ix-xbiek fuqhom, u bħat-tajr tas-sema nniżżilhom;
nikkastigahom minħabba ħżunithom.

13Gwaj għalihom li ħarbu minni, saħta fuqhom, għax irvellaw kontrija. Jiena
kieku nifdihom, imma huma mhux ħlief jigdbu kontrija.

14Qatt ma sejħuli minn qalbhom, meta joqogħdu jnewħu fuq friexhom. Għall-
qamħ u l-inbid iqattgħu ġisimhom, u jirvellaw kontrija.

15Jiena kont li saħħaħtilhom dirgħajhom, imma huma bdew ifasslu l-ħażen
kontrija.

16U jduru lejn ix-xejn, qishom qaws li jfalli. Taħt ix-xabla għad jaqgħu
prinċpijiethom, minħabba tlaqliq ilsienhom. Dan ikun l-għajb tagħhom fl-art tal-
Eġittu.

## Hosegħa 8

### Il-kulti foloz u l-politika ħażina

1Lejn xufftejk ressaq it-tromba, int li tgħasses fuq dar il-Mulej. Għax kisru l-patt
tiegħi, u dinbu kontra l-liġi tiegħi.

2Lili jsejħu u jgħidu: "Aħna nagħrfuk, Alla ta' Iżrael!"

3Iżrael stmerr it-tajjeb, l-għadu għad jagħmel għal warajh.

4Huma ħatru slaten f'Iżrael, iżda dan ma kienx ġej minni; għażlu prinċpijiet, bla
ma kont naf jien. Il-fidda u d-deheb tagħhom dewbuhom f'idoli għall-qerda
tagħhom stess.

5Nistmerru l-għoġol tiegħek, Samarija. Il-korla tiegħi xegħlet għalik. Kemm se
jdumu wlied Iżrael, bla ħila li jissaffew?

6Dak għamlu raġel tas-sengħa; dak mhuwiex Alla. L-għoġol ta' Samarija għad isir
frak.

7Ladarba huma jiżirgħu r-riħ, għad jaħsdu r-riefnu. Il-qamħ ma jsebbilx, ma
joħroġx dqiq minnu; u jekk isir, jibilgħuh il-barranin.

8Iżrael inbala'! Issa qegħdin fost il-ġnus bħal biċċa tagħmir bla ħajr.

9Għax huma telgħu l-Assirja, waħdu bħal ħmar selvaġġ; Efrajm kera l-ħbieb.

10U wkoll jekk isibuhom qalb il-ġnus, jien dalwaqt niġborhom, u jieqfu għal ftit
milli jidilku slaten u prinċpijiet.

11Efrajm kattar l-artali biex jidneb, artali biex jidneb saru għalih.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[12]Kieku kelli niktiblu bl-eluf il-liġijiet tiegħi, kieku jqisuhom liġijiet tal-barranin.

[13]Jistgħu joffru l-vittmi u jieklu l-laħam, lill-Mulej ma jogħġbuh xejn. Għad jiftakar fi ħżunithom u ħtijiethom jikkastigahom. Lejn l-Eġittu għad jerġgħu jmorru.

[14]Iżrael nesa lil min għamlu, u bena palazzi; Ġuda kattar l-ibliet fortizzi. Imma jien għad nitlaq in-nar fi blietu, u dan jibla' l-fortizzi tiegħu.

## Hosegħa 9

### L-eżilju

[1]La tifraħx Iżrael, la taqbiżx bil-ferħ bħall-ġnus. Inti żnejt u tlaqt lil Alla tiegħek, ħabbejt ħlas iż-żina fuq kull qiegħa tal-qamħ.

[2]Il-qiegħa u l-magħsar ma jitimgħuhomx, u l-inbid ġdid għad jonqoshom.

[3]Ma jibqgħux jgħammru f'art il-Mulej; imma Efrajm jerġa' jmur lejn l-Eġittu, u ikel imniġġes jieklu fl-Assirja.

[4]Ma jsawbux libazzjonijiet tal-inbid f'ġieħ il-Mulej; lanqas jogħġbuh is-sagrifiċċji tagħhom. Ikilhom bħall-ikel tal-vistu, kull min jiekol minnu jitniġġes, ħobżhom jaqtgħalhom il-ġuħ imma ma jidħolx f'dar il-Mulej.

[5]X'se tagħmlu f'jum il-festa, f'jum għid il-Mulej?

[6]Għax, arahom, meta jaħarbu mill-ħerba; jiġborhom l-Eġittu, u Menfi għad tidfinhom. Il-ħurrieq għad jiret il-fided għeżież tagħhom, u l-għollieq jikber fl-għerejjex tagħhom.

[7]Waslu jiem il-kastig, wasal żmien il-ħlas. Ħa jkun jaf Iżrael, jekk hux iblah il-profeta, jew miġnun il-bniedem tar-ruħ! Kbira hi ħżunitek, u bla qjies il-mibegħda tiegħek.

[8]Il-profeta hu l-għassies ta' Efrajm, il-poplu ta' Alla tiegħi, imma hemm in-nasba tan-nassab fi triqtu, u l-mibegħda f'dar Alla tiegħi.

[9]Għoddsu sal-qiegħ fi ħżunithom, bħal fi żmien Gibgħa. Imma għad jiftakar fi ħżunithom, u jikkastiga ħtijiethom.

[10]Bħall-għeneb fid-deżert sibt lil Iżrael; bħall-bikri tat-tina fl-ewwel żmien tagħha, jien rajt lil missirijietkom. Huma ġew Bagħal-pegħor, u kkonsagraw ruħhom lil dak il-mistkerraħ, u sfaw mistkerrha bħal min ħabbew.

[11]Efrajm bħal għasfur, ġieħhom itir, u jkunu mingħajr wild, bla tqala, bla tnissil.

[12]U mqar jekk irabbu l-ulied, inħallihom bla tfal, sakemm ma jifdal ħadd. Għax tassew, ħażin għalihom meta jien inwarrab minnhom.


© 2020 Malta Bible Society.

13 Efrajm, kif rajtu, kien bħal Tir, imxettel f'post sabiħ. Imma Efrajm għad joħroġ 'l uliedu għall-qatla.

14 Agħtihom, Mulej, u x'se tagħtihom? Agħtihom ġuf bla frott u isdra niexfa qoxqox.

15 Ħżunithom kollha f'Gilgal, u hemm bdejt nistmellhom. Minħabba l-ħażen ta' għemilhom, minn dari nkeċċihom. Ma nħobbhomx aktar, għax il-prinċpijiet tagħhom kollha rvellaw.

16 Efrajm midrub, għeruqhom niexfa, frott ma jagħmlux. Imqar jekk jildu, jien noqtlilhom l-għożża ta' ġufhom.

17 Ikeċċihom Alla tiegħi, għax ma semgħux minnu, u jkunu jiġġerrew fost il-ġnus.

## Hosegħa 10

### Il-qerda tal-idolatrija

1 Iżrael dielja kollha friegħi, tagħmel ħafna frott. Aktar ma kellu frott, aktar bena artali. Aktar ma kienet tagħti l-art, aktar sebbaħ il-plieri sagri.

2 Qalbhom mifruda fiha nfisha, u issa jkollhom ipattu. Hu Alla li se jkissrilhom l-artali, u jfarrkilhom il-plieri sagri tagħhom.

3 Għax issa huma jgħidu: "M'hemmx sultan għalina. Aħna ma nibżgħux mill-Mulej. X'jista' jagħmlilna s-sultan?"

4 Kollhom tpaċpiċ, jiffirmaw ftehim bil-ħalf fil-vojt; u l-ġustizzja tinbet bħal ħaxix morr fir-raddi tar-raba'.

5 Għall-għoġol ta' Bet-awen jitkexkxu n-nies ta' Samarija; għax għad jibki l-poplu tiegħu, u jitniehdu l-qassisin tiegħu għax għab minnu ġmielu.

6 Lilu wkoll jeħduh fl-Assirja, bħal offerta lis-sultan il-kbir. Efrajm jaqa' fl-għajb, u Iżrael jistħi minn fehmietu.

7 Intemmet Samarija; is-sultan tagħha bħal laqxa f'wiċċ l-ilma.

8 Jiġġarrfu s-santwarji fuq l-għoljiet tal-ħażen, id-dnub ta' Iżrael; xewk u għollieq għad jinbet fuq l-artali tagħhom. Għad jgħidu lill-muntanji: "Għattuna" u lill-għoljiet: "Ordmuna".

9 Sa minn żmien Gibgħa dnibt, o Iżrael! Hemm baqgħu f'dak il-ħażen. Ma laħqithomx il-gwerra f'Gibgħa,

10 minħabba wlied il-ħażen? Jien niġi u nikkastigahom. Jinġemgħu kontrihom il-ġnus, biex jikkastigawhom għaż-żewġ dnubiet.

11 Efrajm kien għoġla mħarrġa, tħobb id-dris. Imma jiena għabbejt madmad fuq għonqha s-sabiħ, u rbatt lil Efrajm għall-ħrit. Ġuda għad jaħrat, u Ġakobb ixattab.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[12]Iżirgħu għalikom il-ġustizzja, u taħsdu l-frott tat-tjieba. Agħżqu l-art mistrieħa, għax wasal żmien li tfittxu l-Mulej. Sakemm jiġi u jibgħat ix-xita tas-sewwa fuqkom.

[13]Imma intom żrajtu l-ħażen, u ħsadtu l-għawġ, u jkollkom tieklu frott il-gideb, għax int fdajt fl-imriekeb tiegħek, fil-kotra tal-qalbenin tiegħek.

[14]Tqum għagħa fost il-poplu tiegħek, u l-fortizzi tiegħek isiru ħerba, bħalma Salman qered lil Bet-arbel, f'jum it-taqtigħa, meta l-omm kienet misħuqa ma' wliedha.

[15]Hekk nagħmlilkom, dar Iżrael, minħabba kobor ħżunitek. Mas-sebħ jinqered is-sultan ta' Iżrael.

## Hosegħa 11

### Il-ħniena ta' Alla ma tonqos qatt

[1]"Meta kien tfajjel Iżrael ħabbejtu, u mill-Eġittu sejjaħt lil ibni.

[2]Imma aktar ma sejjaħtilhom, aktar tbiegħdu minni; offrew sagrifiċċji lil Bagħalim, u baħħru quddiem l-idoli.

[3]Kont jien li 'l Efrajm għallimtu jimxi, erfajthom fuq dirgħajja, iżd'huma m'għarfux kemm kont ħadt ħsiebhom!

[4]Bi ħbula ta' bnedmin jien ġbidthom, b'rabtiet ta' mħabba; u kont għalihom bħal min jerfa' tarbija ma' ħaddejh, u lejha mmil nitmagħha.

[5]Ikollhom jerġgħu lura lejn l-Eġittu, l-Assirja ssaltan fuqhom, għax ma ridux jerġgħu lura lejja.

[6]Is-sejf jgħaddi bil-qilla mill-ibliet tagħhom, u jeqred lil uliedhom, u jagħmel ħerba mill-fortizzi tagħhom.

[7]Il-poplu mġarrab għax tbiegħed minni: isejħu 'l Bagħal, u ma jweġibhomx.

[8]Kif! Jien se nwarrbek minni, Efrajm? Iżrael, se nerħik? Kif! Jien se nwarrab lilek minni bħal Adma, nagħmlek bħal Sebojim? Daret għalija qalbi, tqanqlet bil-bosta ħnienti.

[9]Le, ma nħaddimx il-korla mħeġġa tiegħi; le, ma nerġax inġib fix-xejn 'l Efrajm, għax Alla jien, u mhux bniedem, jien f'nofsok il-Qaddis; jien ma niġix biex neqred.

[10]Għax jimxu wara l-Mulej, li bħal iljun jgħajjat; jgħajjat u wliedu jiġu jiġru mill-Punent;

[11]iħaffu mill-Eġittu bħal għasfur, u bħal ħamiema jgħaġġlu minn art l-Assirja; u jagħtihom li jgħammru fi djarhom," oraklu tal-Mulej.


© 2020 Malta Bible Society.

# Hosegħa 12

### L-infedeltà ta' Iżrael

1Dawwarni bil-gideb Efrajm, u bil-qerq id-dar ta' Iżrael; u Ġuda għadu jtalla' u jniżżel dwar Alla, Alla l-Qaddis u l-fidil.

2Efrajm jirgħa r-riħ, u jiġri wara x-Xlokk kuljum; u jżid fil-gideb u l-qerq. Jagħmel patt mal-Assirja u lejn l-Eġittu jġorr iż-żejt.

3Il-Mulej għandu xi jgħid ma' Iżrael u jikkastiga lil Ġakobb għal imġibtu, u jroddlu skont għemilu.

4F'ġuf ommu qabad għarqub ħuh, u fl-aqwa tiegħu ssara ma' Alla.

5Issara mal-anġlu u għelbu, beka u talbu l-ħniena, F'Betel sab lil Alla; u hemm Alla tkellem miegħu,

6il-Mulej, Alla tal-eżerċti, Jaħweh ismu:

7"Bil-għajnuna ta' Alla tiegħek, int terġa' lura fl-għerejjex tiegħek: ħares it-tjieba u l-ġustizzja, u ttama dejjem f'Alla tiegħek."

8Kangħan għandu f'idu miżien ħażin, u jħobb iqarraq.

9U Efrajm qal: "Isma', jien stagħnejt, ksibt il-ġid għalija!" Imma milli daħħal xejn ma jibqagħlu, minħabba l-ħażen li għamel.

10Jiena l-Mulej Alla tiegħek sa mill-art tal-Eġittu. Nerġa' nqiegħdek tgħammar taħt it-tined bħal fil-jiem tal-laqgħa.

11U kellimt lill-profeti u kattart id-dehriet; u permezz tal-profeti nitkellem bil-parabboli.

12Jekk f'Gilgħad hemm il-ħażen, żgur għad jiġu fix-xejn. F'Gilgal imbagħad offrew il-gniedes. L-artali tagħhom isiru gzuz tal-ġebel fir-raddi tar-raba'.

13U Ġakobb ħarab lejn ir-raba' ta' Aram, u Iżrael ħadem għal mara, u għal mara għamilha ta' għassies.

14U permezz ta' profeta talla' l-Mulej lil Iżrael mill-Eġittu, u permezz ta' profeta kien imħares.

15Imma Efrajm lill-Mulej inkorla sewwa, għalhekk demmu jitwaddab fuqu, u Sidu jroddlu l-għajb tiegħu.

# Hosegħa 13

### Il-kastig ta' Efrajm

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

1Meta Efrajm kien jitkellem, kien ibażżaʼ n-nies, għax kien prinċep f'Iżrael: imma dineb minħabba Bagħal u miet.

2U issa baqgħu jidinbu, u jagħmlu xbihat imdewba mill-fided tagħhom; idoli skont kif ifettlilhom, kollha xogħol in-nies tas-sengħa. "Lil dawn," jgħidulhom, "offru s-sagrifiċċju," u n-nies ibusu l-għoġiela!

3Għalhekk ikunu bħal sħaba fis-sebħ, u bħan-nida li tgħib malajr; bħall-karfa li ttir mill-qiegħa, u bħad-duħħan ħiereġ mit-tieqa.

4U jiena l-Mulej, Alla tiegħek sa mill-art tal-Eġittu. Int m'għandek ebda Alla ieħor ħliefi, U m'hemmx għalik salvatur ieħor għajri.

5Jiena paxxejtek fid-deżert, fl-art tan-nixfa.

6Imma aktar ma paxxejthom, aktar ma mtlew u xebgħu, aktar tkabbret qalbhom, u lili nsewni.

7Inkun għalihom bħal iljun, bħal ljupard fit-triq ngħassilhom.

8Inħebb għalihom bħal orsa misruqa mill-frieħ tagħha, u niftħilhom il-qafas taʼ sidirhom, u nikolhom fil-post bħal iljun, u bħall-bhejjem selvaġġi niżbranahom.

9Jien neqirdek, Iżrael, imbagħad min jistaʼ jgħinek?

10Fejn hu s-sultan tiegħek biex isalvak? Fejn huma prinċpijietek biex jaqbżu għalik? Int kont għedt għalihom: "Agħtini sultan u prinċpijiet."

11Jien nagħtik sultan f'għadbi, u nneħħihulek fis-saħna tiegħi.

12Misrur il-ħażen taʼ Efrajm, merfugħ id-dnub tiegħu.

13Uġigħ il-ħlas għad jilħqu, imma hu iben bla għaqal; għax meta jasal il-waqt, ma jersaqx lejn fomm il-ġuf.

14Neħlishom jien mill-qawwa tax-Xe'ol? Jew mill-mewt nifdihom? Fejn huma l-flaġelli tiegħek, mewt? Fejn hija l-qerda tiegħek, Xe'ol? Il-mogħdrija nħbiet minn għajnejja.

15U għax hu bejn l-aħwa jġib il-firda, għad jiġih riħ mix-Xlokk, riħ tal-Mulej ġej mid-deżert, u jnixxiflu l-għajn, u n-nixxiegħa jixxuttalu. Jisraqlu t-teżor tal-ħwejjeġ prezzjużi.

## Hosegħa 14

1Tpatti, għad tpatti Samarija, għax qamet kontra Alla tagħha. Għad jaqgħu taħt ix-xabla, U jisħqulhom iż-żgħar tagħhom, U jiftħulhom in-nisa tqal.

### Sejħa għall-konverżjoni u wegħda taʼ fejqan

2Erġaʼ dur, Iżrael, lejn il-Mulej Alla tiegħek, għax int tfixkilt minħabba fi ħżunitek.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

3Ħudu kliem magħkom, duru mill-ġdid lejn il-Mulej, u għidulu: "Int tneħħi l-
ħażen kollu: ilqa' t-tajjeb, u rroddu frott xufftejna.

4L-Assirja ma ssalvaniex, fuq żiemel aktar ma nirkbux, lanqas ma ngħidu iżjed
'Alla tagħna' lil xogħol idejna. Għandek l-iltim isib il-ħniena."

5Naħfrilhom, għad li xxewxu kontrija; minn qalbi nħobbhom, għaliex il-korla
tiegħi reġgħet lura minn fuqhom.

6Jien għad inkun għal Iżrael bħal nida. Ha jiftaħ bħal ġilju,

7għeruqu jxenxel bħal siġra tal-luq, jinfirxu r-rimjiet tiegħu, sbuħitu ta' siġra taż-
żebbuġ, u jkun ifewwaħ qisu l-Libanu.

8U jerġgħu jiġu jgħammru taħt id-dell tiegħi, isiru qishom ġnien, jisbieħu qishom
dielja, inbid tal-Libanu tkun tistħajjilhom.

9X'għandi x'naqsam mal-idoli, Efrajm? Kont jiena li weġibtek, u jien inħarsek;
għalik jien bħal ċipressa dejjem tħaddar, minni tikseb il-frott.

10Kull min hu għaref, jifhem dawn il-ħwejjeġ; ħa jagħrafhom kull min hu bil-
għaqal, għax il-Mulej it-triqat tiegħu dritti, il-ġusti jimxu fihom, iżda jitfixklu
fihom il-midinbin.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

## Ġoel 1

1 Il-kelma tal-Mulej, li ġiet lil Ġoel bin Petwel.

### Swied il-qalb għall-qerda tal-pajjiż

2 Isimgħu dan, xjuħ, agħtu widen, intom ilkoll li tgħammru fil-pajjiż! Ġrat xi ħaġa hekk fi żmienkom, jew fi żmien missirijietkom?

3 Għiduha lil uliedkom, u wliedkom lil uliedhom, u wliedhom lin-nisel ta' warajhom.

4 Dak li ħalla l-ġrad qattiegħ, kielu l-ġrad gerriem. Dak li ħalla l-ġrad gerriem kielu l-ġrad qabbież. Dak li ħalla l-ġrad qabbież kielu l-ġrad qerried.

5 Qumu mir-rqad, ja sakranazzi, u ibku! Intom li tixorbu l-inbid, newħu lkoll għall-inbid ġdid, li twarrbilkom minn ma' fommkom!

6 Għaliex għall-pajjiż tiegħi tela' poplu, qawwi u bla għadd; snienu, snien ta' ljun, u għandu d-dras ta' ljunessa.

7 Il-qasam tad-dwieli tiegħi għamlu ħerba, is-siġar tiegħi tat-tin tertaqhom; qaxqaxhom għalkollox u rmiehom, il-friegħi tagħhom bjadu.

8 Olfoq, kif tagħmel xebba liebsa x-xkejjer, għall-għarus ta' żgħożitha!

9 L-offerta tal-ikel u tax-xorb inqatgħet minn dar il-Mulej. Kollhom niket il-qassisin, qaddejja tal-Mulej.

10 Imħassar ir-raba', l-art tbikkik. Għax inqered il-qamħ, l-inbid ġdid nixef, għosfor iż-żejt frisk.

11 Infixlu, ħaddiema, intom li tieħdu ħsieb id-dwieli, newħu għall-qamħ u x-xgħir, għax intilef il-ħsad tar-raba'.

12 Il-qasam tad-dwieli sfar, u s-siġar tat-tin dbielu; is-siġar tar-rummien, tal-palm u tat-tuffieħ, u s-siġar kollha tar-raba' nixfu. Kif għeb il-ferħ minn fost il-bnedmin!

### Sejħa għall-indiema u għat-talb

13 Ilbsu x-xkejjer, qassisin, u olfqu, ixhru, qaddejja tal-artal! Ejjew, orqdu bl-ixkejjer fuqkom, qaddejja ta' Alla tiegħi! Għax miżmuma mid-dar ta' Alla tagħkom l-offerta tal-ikel u tax-xorb.

14 Ordnaw sawma; sejħu laqgħa mqaddsa; morru iġbru x-xjuħ, u n-nies kollha tal-pajjiż fid-dar tal-Mulej Alla tagħkom. Għajtu lill-Mulej:

15 "Ah, x'jum dan! Għax fil-qrib Jum il-Mulej, jasal bħal riefnu mingħand Xaddaj."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

16Forsi mhux quddiem għajnejna naqas l-ikel, l-hena u l-ferħ mid-dar ta' Alla
tagħna?

17Il-qamħ miżrugħ tħassar taħt it-tub tiegħu; il-matmuriet saru ħerba waħda, l-
imħażen tal-qamħ iġġarrfu, għax il-qamħ nixef.

18X'jokorbu l-bhejjem! Il-baqar jiġġerrew mifxula, għax m'għandhomx fejn
jirgħu. Sal-imrieħel tan-nagħaġ u l-mogħoż inqerdu.

19Jien ngħajjat lilek, Mulej! Għax in-nar qered il-ħdura tar-raba', ilsna tan-nar
ħarqu s-siġar kollha tal-għelieqi.

20Sal-bhejjem tar-raba' mxennqin għalik, għax nixfu n-nixxigħat tal-ilma, għax
in-nar qered il-ħdura tal-kampanja.

# Ġoel 2

### Jum il-Mulej

1Doqqu t-tromba f'Sijon, semmgħu l-aħbar minn fuq il-muntanja mqaddsa
tiegħi! Ħa jitriegħdu dawk kollha li jgħammru fil-pajjiż, għax Jum il-Mulej wasal,
għax hu fil-qrib!

2Jum ta' dlam u ta' swied, jum ta' sħab u ta' ċpar magħqud. Fuq il-muntanji
jinfirex bħal sħaba sewda poplu kotran u qawwi, li bħalu ma kien hemm qatt fl-
imgħoddi, lanqas ma jkun hemm warajh saż-żminijiet l-aktar imbiegħda.

### L-armata tal-invażjoni

3Quddiemu jiekol in-nar, warajh iserrpu l-ilsna tan-nar, quddiemu l-pajjiż qisu
l-ġnien tal-Għeden, warajh ikun deżert bla ħajja. Xejn ma jkun hemm li jaħrablu.

4Id-dehra tiegħu bħal dehra ta' żwiemel; u bħal żwiemel tal-ġiri, hekk ilebbtu.

5Bħal ħsejjes ta' karrijiet jaqbżu fuq qċaċet il-muntanji, bħat-tfaqqigħ ta' lsien in-
nar iqabbad il-qasbija, bħal armata qawwija mqassma għall-battalja.

6Għad-dehra tagħha l-popli jitkexkxu, l-uċuħ kollha jisfaru.

7Huma jinxteħtu bħal nies qalbiena, jixxabbtu mas-swar bħal suldati. Kull
wieħed minnhom iżomm triqtu, ħadd minnhom ma jitlifha.

8Ebda wieħed minnhom ma jross fuq ta' ħdejh, kull wieħed iżomm il-passi
tiegħu; u jinxteħtu qalb l-armi bla ma jwarrbu minn posthom.

9Jintefgħu għal fuq is-swar, jixxabbtu mal-ħitan tad-djar, jidħlu mit-twieqi,
qishom ħallelin.

### Dehra ta' Jum il-Mulej

10Quddiemhom l-art titriegħed, is-smewwiet jitqanqlu! Ix-xemx u l-qamar
jiddallmu, u l-kwiekeb jitilfu dijiethom!

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

11U l-Mulej isamma’ leħnu f’ras it-truppi tiegħu. Għax bla għadd qtajjietu, għax
hu qawwi dak li jagħmel l-ordni tiegħu, għax Jum il-Mulej hu kbir, tal-biża’ wisq,
u min jiflaħ għalih?

### Sejħa għall-indiema

12“Iżda mqar issa, oraklu tal-Mulej, erġgħu duru lejja b'qalbkom kollha, bis-
sawm, bil-biki u bl-ilfiq;

13ċarrtu qalbkom, u mhux ilbieskom, u erġgħu duru lejn il-Mulej, Alla tagħkom,
għax hu twajjeb u ħanin, tqil biex jinkorla, u kollu tjieba; u jisgħobbih għall-
ħażen.

14Min jaf jerġax jibdielu u jisgħobbih, u jħalli barka wrajh, offerta tal-ikel u tax-
xorb lill-Mulej, Alla tagħkom?

15Doqqu t-tromba f’Sijon! Ordnaw sawma, sejħu laqgħa mqaddsa;

16iġbru l-poplu, qaddsu l-ġemgħa għajtu x-xjuħ, iġbru t-tfal, u t-trabi tal-ħalib!
Ħa joħroġ l-għarus minn ġo kamartu u l-għarusa mill-kmajra tagħha!

17Bejn il-portiku u bejn l-artal ħa jibku l-qassisin, qaddejja tal-Mulej! U ħa jgħidu:
“Ħenn għall-poplu tiegħek, Mulej, u la tħallix il-wirt tiegħek jaqa’ għaż-żebliħ, u
jiġi fi lsien il-ġnus! L-għala għandu jingħad fost il-popli: “Fejn hu Alla tagħhom?”

### Tmiem il-kastig u l-bidu tal-ħelsien

18U l-Mulej ġietu għira għall-art tiegħu, għader il-poplu tiegħu.

19Il-Mulej wieġeb u qal lill-poplu tiegħu: “Ara, jiena se nibagħtilkom il-qamħ u l-
inbid ġdid u ż-żejt, u jkollkom minnhom bix-xaba’. U ma nħallikomx iżjed taqgħu
għaż-żebliħ tal-ġnus.

20Inbiegħed minnkom lil tat-Tramuntana u nixħtu f’post niexef u d-deżert, il-
quddiemi tiegħu lejn il-baħar tal-Lvant, u l-warrani lejn il-baħar tal-Punent. U
titla’ minnu ntiena, riħa tinten titla’ minnu għax għamel ħsara kbira.”

### Jidher ġid bil-kotra

21Tibżax, art, ifraħ u thenna, għax ħwejjeġ kbar għamel il-Mulej!

22La tibżgħux, bhejjem tar-raba’! Għax il-ħdura tal-kampanja reġgħet nibtet, is-
siġar qed jitqalu bil-frott tagħhom, it-tina u d-dielja qed iroddu l-ġid tagħhom.

23Ulied Sijon, ifirħu, thennew fil-Mulej, Alla tagħkom! Għaliex hu takom ilma
bikri kif imiss, bagħtilkom ix-xita bikrija, u x-xita mwaħħra, bħal fl-imgħoddi.

24L-andrijiet jimtlew bil-qmuħ, l-imgħasar ifuru bi nbid ġdid u żejt.

25U nerġa’ nagħtikom l-annati li ttieklu mill-ġrad qattiegħ u l-ġrad gerriem, u
mill-ġrad qerried u l-ġrad qabbież, l-armata kbira tiegħi, li jien bgħatt
kontrikom.”

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

26U tieklu sewwa u tixbgħu, u tfaħħru isem il-Mulej, Alla tagħkom, li jkun għamel
għeġubijiet. Il-poplu tiegħi ma jkollu qatt iżjed mniex jistħi!

27U tagħrfu li jien ninsab f'nofs Iżrael, u li jiena l-Mulej, Alla tagħkom, u m'hemmx
ħliefi! U l-poplu tiegħi ma jkollu qatt iżjed mniex jistħi!

## Ġoel 3

### Il-Mulej isawwab l-Ispirtu tiegħu

1"Wara dan, jiġri li jiena nsawwab l-Ispirtu tiegħi fuq il-ħlejjaq kollha. Uliedkom
iħabbru, subien u bniet, ix-xjuħ tagħkom ikollhom ħolm, iż-żgħażagħ tagħkom
jaraw viżjonijiet.

2U mqar fuq il-qaddejja, irġiel u nisa, insawwab l-ispirtu tiegħi f'dawk il-jiem.

3Fis-sema u l-art nuri sinjali, demm u nar u kolonni ta' duħħan!

4Ix-xemx tinbidel fi dlam, u l-qamar f'demm, qabel ma jasal Jum il-Mulej, kbir u
tal-biża'!

5U kull min isejjaħ isem il-Mulej jinħeles, għax fuq il-muntanja Sijon ikun hemm
is-salvazzjoni, kif qal il-Mulej, u f'Ġerusalemm jibqgħu xi wħud li l-Mulej isejjaħ.

## Ġoel 4

### Fuqiex isir il-ħaqq

1"Għax, ara, f'dawk il-jiem, f'dak iż-żmien, li fih inġedded 'il Ġuda u 'l
Ġerusalemm,

2jiena niġbor il-ġnus kollha, u nniżżilhom fil-Wied ta' Ġosafat; hemmhekk
nagħmel ħaqq minnhom minħabba f'Iżrael, il-poplu u l-wirt tiegħi, li huma
xerrdu fost il-ġnus, u għax il-pajjiż tiegħi qassmuh bejniethom,

3u tefgħu x-xorti fuq il-poplu tiegħi; 'l uliedhom subien bidluhom man-nisa
żienja, u 'l uliedhom bniet biegħuhom għall-inbid biex xorbuh".

### Tehdid kontra l-Feniċi u l-Filistej

4"U intom ukoll, Tir u Sidon, x'intom għalija? U l-inħawi kollha tal-Filistja? Se
tagħmlu vendetta intom minni? Imma jekk tagħmlu vendetta intom minni, fis
ngħaġġel irroddhielkom fuq irjuskom!

5Intom ħtaftu l-fidda u d-deheb tiegħi, ħadtu l-egħżeż u l-aħjar minn ħwejġi għat-
tempji tagħkom,

6intom lil ulied Ġuda u Ġerusalemm begħtuhom lil ulied il-Griegi, bl-għan li
tbegħduhom minn arthom!


© 2020 Malta Bible Society.

7Ara, se nqanqalhom minn fejn begħtuhom intom, u d-deni tagħkom irroddhulkom fuq irjuskom.

8U lil uliedkom, kemm subien kemm bniet, inbigħhom jien f'idejn ulied Ġuda; u huma jbigħuhom lin-nies ta' Saba, lil ġens imbiegħed; hekk tkellem il-Mulej!"

### Sejħa tal-ġnus

9Xandru dan fost il-ġnus: Hejju għall-gwerra qaddisa! Qajmu l-qalbenin! Ħa jersqu, ħa jitilgħu l-irġiel kollha tal-gwerra!

10Is-sikek tagħkom dewbuhom fi sjuf, l-imnieġel tagħkom f'lanez. Ħa jgħid id-dgħajjef: "Jien qalbieni!"

11Ħaffu u ejjew, intom ġnus kollha ta' madwar, u nġabru hemm! Niżżel, Mulej, il-qalbenin tiegħek!

12Ħa jitqanqlu l-ġnus u jmorru fil-Wied ta' Ġosafat! Għax hemm se noqgħod biex nagħmel ħaqq mill-ġnus kollha ta' madwar.

13Ressqu l-minġel; għax laħaq il-ħsad! Ejjew, isħqu b'riġlejkom, għax mimli l-magħsar; il-btieti mfawrin, għax kbira ħżunithom!

### Jum il-Mulej

14Rassa bla qjies f'wied is-sentenza! Għax Jum il-Mulej fil-qrib f'wied is-sentenza.

15Ix-xemx u l-qamar jiddallmu, u l-kwiekeb jitilfu dijiethom.

16Il-Mulej iriegħed minn Sijon, isamma' leħnu minn Ġerusalemm; u s-smewwiet u l-art jitriegħdu! Iżda l-Mulej ikun għall-poplu tiegħu kenn, ikun fortizza għal ulied Iżrael!

17"Imbagħad tagħrfu li jien il-Mulej, Alla tagħkom, li ngħammar f'Sijon, il-muntanja mqaddsa tiegħi! Ġerusalemm tkun post qaddis, qatt iżjed ma jgħaddu minnha l-barranin!

### Żmien l-hena tat-tiġdid ta' Iżrael

18U jiġri dakinhar, il-muntanji jqattru l-inbid ġdid, l-għoljiet inixxu l-ħalib, u l-widien kollha ta' Ġuda ifuru bl-ilmijiet. U minn dar il-Mulej tnixxi għajn Li ssaqqi Wied Sittim.

19L-Eġittu jsir ħerba waħda, Edom jinbidel f'deżert li jbikki, minħabba fil-moħqrija li wrew ma' wlied Ġuda meta xerrdu demmhom bla ħtija f'arthom.

20Imma art Ġuda tkun mgħammra għal dejjem, u Ġerusalemm għal dejjem ta' dejjem.

21U nitħallas minn demmhom li s'issa għadni ma tħallastx minnu u l-Mulej jgħammar f'Sijon."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

## Għamos 1

### Il-ħaqq tal-Mulej kontra l-ġnus

1Kliem Għamos, li kien mir-rgħajja ta' Tekugħa. Dak li ra dwar Iżrael fi żmien Għużżija, sultan ta' Ġuda, u fi żmien Ġerobogħam bin Ġowas, sultan ta' Iżrael, sentejn qabel it-terremot.

2Hu qal: "Il-Mulej iriegħed minn Sijon, u jsamma' leħnu minn Ġerusalemm; dbielet il-ħdura tal-mergħat tar-rgħajja u nixfet il-quċċata tal-Karmel."

### Damasku

3Dan jgħid il-Mulej: "Għal tliet dnubiet ta' Damasku, erbgħa anzi,' ma rreġġax lura kelmti, għax dirsu lil Gilgħad bi xtabi tal-ħadid.

4Nibgħat in-nar fid-dar ta' Ħażajel u jeqred il-palazzi ta' Benħadad;

5inkisser l-istaneg ta' Damasku, u neqred lil dawk li jgħammru f'wied Awen u 'l dak li jżomm ix-xettru f'Bet-għeden; u l-poplu tas-Sirja jittieħed f'Kir," jgħid il-Mulej.

### Gaża

6Dan jgħid il-Mulej: "Għal tliet dnubiet ta' Gaża, erbgħa anzi, ma rreġġax lura kelmti, għaliex kaxkru fl-eżilju poplu sħiħ biex jagħtuh f'idejn Edom;

7nibgħat in-nar fuq is-swar ta' Gaża, u jeqred il-palazzi kollha tagħha;

8neqred lil dawk li jgħammru f'Asdod, u 'l dak li jżomm ix-xettru f'Askalon; u ndawwar idejja għal fuq Għekron, u jintemmu l-fdal tal-Filistin," jgħid il-Mulej Alla.

### Tir

9Dan jgħid il-Mulej: "Għal tliet dnubiet ta' Tir, erbgħa anzi, ma rreġġax lura kelmti, għaliex kaxkru fl-eżilju poplu sħiħ biex jagħtuh f'idejn Edom, u ma ftakrux fil-patt tal-aħwa;

10nibgħat in-nar fuq is-swar ta' Tir, u jeqred il-palazzi tagħha."

### Edom

11Dan jgħid il-Mulej: "Għal tliet dnubiet ta' Edom, erbgħa anzi, ma rreġġax lura kelmti, għaliex għamel għal ħuh bis-sejf, u warrab kull ħniena, u żamm għadbu għal dejjem, u l-qilla tiegħu żammha sal-aħħar;

12għalhekk nibgħat in-nar f'Teman u jeqred il-palazzi ta' Bosra."

### Għammon


© 2020 Malta Bible Society.

13Dan jgħid il-Mulej: "Għal tliet dnubiet ta' wlied Għammon, erbgħa anzi, ma rreġġax lura kelmti, għaliex ċarrtu ħdan in-nisa tqal ta' Gilgħad, biex iwessgħu trufijiet arthom;

14inqabbad in-nar fuq is-swar ta' Rabba, u neqred il-palazzi tagħha, b'għajjat f'jum it-taqbida, u b'tempesta f'jum ir-riefnu;

15u s-sultan tagħhom imur fl-eżilju, hu u l-prinċpijiet tiegħu miegħu," jgħid il-Mulej.

## Għamos 2

### Mowab

1Dan jgħid il-Mulej: "Għal tliet dnubiet ta' Mowab, erbgħa anzi, ma rreġġax lura kelmti, għax għadam is-sultan ta' Edom ħarquh irmied;

2nibgħat in-nar f'Mowab, u jeqred il-palazzi ta' Kerijjot, u Mowab imut fost l-għajjat, u l-għagħa u d-daqq tat-tromba;

3neqred min-nofs 'il min jaħkimha, u miegħu noqtol il-prinċpijiet tagħha kollha," jgħid il-Mulej.

### Il-ħaqq tal-Mulej għal Ġuda u Iżrael

4Dan jgħid il-Mulej: "Għal tliet dnubiet ta' Ġuda, erbgħa anzi, ma rreġġax lura kelmti, għax huma telqu l-liġi tal-Mulej, u ma ħarsux il-kmandamenti tiegħu; ħarġuhom barra mit-triq l-idoli tagħhom, li mxew warajhom missirijiethom;

5għalhekk jien nibgħat nar fuq Ġuda, u naħraq il-palazzi ta' Ġerusalemm."

6Dan jgħid il-Mulej: "Għal tliet dnubiet ta' Iżrael, erbgħa anzi, ma rreġġax lura kelmti, għax huma biegħu l-bniedem ġust għall-fidda, u l-fqir għal żewġt iqrieq;

7saħqu ras l-imsejkna mat-trab tal-art, u għawġu t-triq tal-umli; għax huma jidħlu għand l-istess żagħżugħa, sew l-iben, sew missieru, biex iżebilħu l-isem qaddis tiegħi;

8u għax ħdejn kull artal jimteddu fl-art fuq ħwejjeġ mirhunin; u fid-dar ta' alla tagħhom ilegilgu l-inbid ta' dawk li huma jimmultaw.

9U safrattant kont jien li qridtilhom ġens l-Amurrin, minn quddiemhom, minkejja li kien għoli daqs iċ-ċedri, u l-qawwa tiegħu qawwa tal-ballut. U qridtlu l-frott minn fuqu u sal-għeruq minn taħtu.

10Kont jien li tellajtkom mill-Eġittu, mexxejtkom erbgħin sena fid-deżert, biex tieħdu art ġens l-Amurrin.

11Kont jien li għażilt profeti minn uliedkom u nażrin miż-żgħażagħ tagħkom. Mhux hekk għamilt magħkom, ulied Iżrael?" jgħid il-Mulej.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

12“Iżda intom sqejtu l-inbid lin-nażrin, u lill-profeti għedtulhom: ‘Tħabbrulniex!’

13Araw, se rrosskom mal-art, kif jintrass ’l isfel karettun mgħobbi bil-qatet.

14Il-ħafif ma jibqagħlux ħila biex jaħrab, il-qawwi ma jwettaqx saħħtu; lanqas il-
qalbieni ma jsalva ħajtu;

15min jaqbad l-ark ma jiqafx fuq riġlejh, min hu riġlejh ħfief ma jsalvax, lanqas
ir-rikkieb ma jsalva ħajtu;

16u mqar l-aqwa wieħed fost il-qalbiena, ikollu jaħrab għarwien dakinhar,” jgħid
il-Mulej.

## Għamos 3

### Il-Mulej u Iżrael

1Ulied Iżrael, isimgħu din il-kelma, li l-Mulej qal kontrikom, u kontra t-tribujiet
kollha, li jien tellajt minn art l-Eġittu. Huwa qal,

2“Mir-razez kollha tal-art ma ridt naf b’ħadd ħliefkom; għalhekk se
nikkastigakom minħabba l-ħażen kollu tagħkom.

3Forsi tnejn min-nies se jimxu flimkien jekk ma jiftehmux?

4L-iljun se jriegħed fil-foresta jekk ma jsibx il-priża? Il-ferħ tal-ljun se jsamma’
leħnu fl-għar tiegħu jekk ma jkun qabad xejn?

5L-għasfur se jaqa’ f’wiċċ l-art, jekk ma jkunx hemm ix-xbiek? Se jinqaleb il-
mansab mal-art, jekk ma jkunx hemm x’jaqbad?

6Forsi tindaqq it-tromba fil-belt u l-poplu ma jibżax? Se tiġri xi ħsara f’belt, jekk
ma jkunx għamilha l-Mulej?

7Għax ebda ħaġa ma jagħmel Sidi l-Mulej, jekk ma jurix il-ħwejjeġ moħbija tiegħu
lill-qaddejja tiegħu l-profeti.

8L-iljun jgħajjat: min ma jibżax? Sidi l-Mulej jitkellem: min ma jħabbarx?”

### Id-dnubiet ta’ Samarija

9Ħabbru fil-fortizzi tal-Assirja, u fil-palazzi tal-art tal-Eġittu, u għidu: “Inġabru
fuq il-muntanji ta’ Samarija u araw: it-taħwid kbir li hemm ġo fiha, il-moħqrijiet
f’nofsha.

10Jagħmlu s-sewwa ma jafux, oraklu tal-Mulej, nies li jrekknu l-vjolenza u s-serq
fil-palazzi tagħhom.”

11Għalhekk dan jgħid Sidi l-Mulej: “L-għadu għad idawwarlek artek, ineżżgħek
minn qawwietek, u jisraqlek il-palazzi tiegħek.”

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

12Dan jgħid il-Mulej: “Bħalma r-ragħaj jaħtaf minn ħalq l-iljun xi żewġ saqajn jew
xi biċċa widna tan-nagħaġ tiegħu, daqshekk jeħilsu minn ulied Iżrael minn dawk
li jgħammru f’Samarija, li jixxaħxħu fl-irkejjen tad-divani, u s-sufanijiet ta’
Damasku.”

13“Isimgħu u ixhdu kontra dar Ġakobb, oraklu ta’ Sidi l-Mulej, Alla tal-eżerċti:

14Dakinhar li nikkastiga ’l Iżrael għal dnubietu, nikkastiga wkoll l-artali ta’ Betel,
jitqaċċtu l-qrun tal-artal tagħha, u jiġġarrfu fl-art.

15Naħbat għad-dar tax-xitwa u għad-dar tas-sajf; u jiġġarrfu l-palazzi tal-avorju,
u jispiċċaw id-djar il-kbar,” oraklu tal-Mulej.

## Għamos 4

1Isimgħu din il-kelma, intom baqar ta’ Basan, li qegħdin fuq il-muntanja ta’
Samarija. Intom li tgħakksu lill-imsejknin, u taħqru l-fqar; li tgħidu lil żwieġkom:
‘Ġibulna x’nixorbu!’

2Sidi l-Mulej ħalef bi qdusitu: ‘Arahom ġejjin jiem fuqkom u jeħdukom bis-
snanar, u bil-foxxni l-aħħar fostkom.

3U toħorġu mit-tiċrit tas-swar, waħda wara l-oħra, u jwaddbukom lejn Harmon,”
oraklu tal-Mulej.

### Iżrael ma jindimx

4“Ejjew f’Betel u idinbu, f’Gilgal u komplu idinbu; offru s-sagrifiċċji filgħodu, u l-
għexur kull tlitt ijiem.

5Aħarqu l-ħobż bil-ħmira b’radd il-ħajr; ħabbru u xandru l-offerti minn rajkom.
Għax dan ħabbejtu, ulied Iżrael,” oraklu ta’ Sidi l-Mulej.

6“Jien naddaftilkom snienkom fl-ibliet kollha tagħkom, u naqqastilkom il-ħobż
mill-għamajjar kollha tagħkom, imma intom ma rġajtux lejja,” oraklu tal-Mulej.

7“Jien żammejtilkom ukoll ix-xita, meta l-ħsad kien għadu tliet xhur bogħod; u
bgħatt ix-xita fuq belt, u fuq belt oħra ma bgħatthiex; għalqa waħda ssaqqiet bix-
xita, u nixfet l-għalqa l-oħra, għax xita ma bgħattx fuqha.

8Tnejn, tlitt ibliet ġew jixxenglu, lejn belt waħda jixorbu l-ilma, u ma xebgħux!
B’danakollu ma rġajtux għal għandi,” oraklu tal-Mulej.

9“Jien ilqajtkom bir-riħ Xlokk u bis-sadid, qridtilkom il-ġonna tagħkom u l-
oqsma tad-dwieli, is-siġar tat-tin u taż-żebbuġ tagħkom kilhomlkom il-ġrad.
Imma intom ma rġajtux għal għandi,” oraklu tal-Mulej.

10“Bgħattilkom il-pesta bħal tal-Eġittu, qtiltilkom bix-xabla ż-żgħażagħ tagħkom,
u ħallejt jinqabdu ż-żwiemel tagħkom u tellajt fi mnifsejkom l-intiena tal-kamp
tagħkom; imma intom ma rġajtux għal għandi,” oraklu tal-Mulej.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

11“Jiena qlibtkom ta’ taħt fuq, kif Alla qaleb lil Sodoma u Gomorra; kontu bħal
ħerba meħlusa minn ħuġġieġa, imma intom ma rġajtux għal għandi,” oraklu tal-
Mulej.

12“Mela dan se nagħmillek, Iżrael; u la darba se nagħmillek hekk, ħejji ruħek, biex
tiltaqa’ ma’ Alla tiegħek, O Iżrael.”

13Dak li sawwar il-muntanji, u joħloq l-irjieħ, juri lill-bniedem kif hu jaħsibha,
jagħmel is-sebħ u d-dlam, u jimxi fuq il-qċaċet tal-art, Jaħweh, Alla tal-eżerċti,
jismu.

## Għamos 5

### F’Alla hemm il-ħajja

1Isimgħu din il-kelma, li jien se llissen għalikom, għanja ta’ biki, O Iżrael.

2“Waqgħet biex ma terġax tqum, ix-xbejba ta’ Iżrael. Minxura fl-art, ħadd ma
jqajjimha.”

3Għax dan jgħid Sidi l-Mulej: “Il-belt li ħarġet b’elf ruħ, tibqa’ b’mija, u dik li
ħarġet b’mija, tibqa’ b’għaxra, għad-dar ta’ Iżrael.”

4Għax dan jgħid il-Mulej lil dar Iżrael: “Fittxuni u tgħixu.

5La tfittxux lil Betel, la tmorrux f’Gilgal, la tgħaddux lejn Birsaba. Għax Gilgal
tittieħed fl-eżilju, u Betel issir ħerba.”

6Fittxu lill-Mulej u tgħixu. Li ma joħroġx bħan-nar għal dar Ġużeppi, jibla’ kollox
u ma jkunx hemm min jitfih, għad-dar ta’ Iżrael.

7Intom li tibdlu l-ġustizzja fi mrar, u tixħtu s-sewwa mal-art!

8Hu li għamel il-Plejadi u l-Orjon, li jibdel id-dlam fis-sebħ, u l-jiem fil-lejl
mudlam; li jsejjaħ ilmijiet il-baħar, u jsawwabhom fuq wiċċ l-art, Jaħweh jismu.

9Li jġiegħel tleħħ il-qerda fuq il-qawwi, u l-qerda jġib fuq il-fortizza.

10Jobogħdu ’l min iwiddeb fil-bieb, u jistmerru ’l min jgħid is-sewwa.

11Għax intom għakkistu l-fqir, u teħdulu t-taxxa minn fuq il-qamħ. Intom bnejtu
djar b’ġebel minġur, imma intom fihom ma tgħammrux. Xettiltu oqsma sbieħ
tad-dwieli, imma l-inbid ma tixorbuhx.

12Għax naf kemm huma dnubietkom, u ħtijietkom kemm huma kbar. Intom
tgħakksu l-bniedem sewwa, tieħdu r-rigali, u twarrbu l-ġustizzja mill-imsejknin
fil-bieb.

13Min hu għaqli jibqa’ sieket fi żmien bħal dan, għax huwa żmien ħażin.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[14]Fittxu l-ġid, u mhux id-deni, jekk tridu tgħixu, u l-Mulej, Alla tal-eżerċti, ikun magħkom, bħalma għedtu.

[15]Obogħdu d-deni u ħobbu l-ġid, saħħu l-ġustizzja f'bieb il-belt; u l-Mulej Alla tal-eżerċti għandu mnejn iħenn għal fdal Ġużeppi.

[16]Għalhekk jgħid il-Mulej, Alla tal-eżerċti, Sidi: "Tinwiħ fil-pjazez kollha, u fit-triqat kollha jgħajtu: 'Jaħasra! Jaħasra!' Isejħu lill-bidwi biex isewwed qalbu, u l-bekkejja biex inewħu.

[17]Tinwiħ f'kull għalqa tad-dwieli, għax jien se ngħaddi minn ġo nofsok," jgħid il-Mulej.

### L-eżilju ta' Iżrael

[18]Jaħasra għalikom li tixtiequ Jum il-Mulej! L-għala triduh Jum il-Mulej? Dlam hu, u mhux dawl.

[19]Bħal meta wieħed jaħrab minn quddiem l-iljun, u jiltaqa' miegħu l-ors, jew jidħol id-dar u jqiegħed idu mal-ħajt, u jigdmu s-serp.

[20]Jaqaw mhux tassew li Jum il-Mulej dlam u mhux dawl? Mhuwiex swied bla ebda dija?

[21]Il-festi tagħkom sirt nobgħodhom u nistmerrhom, ebda gost ma nsib fil-laqgħat tagħkom.

[22]Meta tressquli quddiemi l-offerti tal-ħruq u s-sagrifiċċji tagħkom, ma jogħġbunix, u anqas biss inħares lejn l-offerti tas-sliem tal-bhejjem imsemmna tagħkom.

[23]Warrbu minni l-għajjat tal-għana tagħkom, ma rridx nisma' bid-daqq tal-arpi tagħkom.

[24]Hallu l-ġustizzja tgelgel bħall-ilma, u s-sewwa bħal wied ta' dejjem.

[25]Ressaqtuli, forsi, vittmi u offerti għall-erbgħin sena fid-deżert, dar ta' Iżrael?

[26]Intom iġġorru 'l Sikkut, is-sultan tagħkom, u l-kewkba ta' Kewan, alla tagħkom, l-idoli li intom għamiltu għalikom.

[27]Imma jien neżiljakom 'l hemm minn Damasku." Dan jgħid il-Mulej, Alla tal-eżerċti jismu.

## Għamos 6

### Ix-xorti ta' ġnus oħra

[1]Hażin għalihom dawk li f'Sijon għandhom moħħhom mistrieħ, dawk li qalbhom qawwija fil-muntanja tas-Samarija, il-kbarat tal-ewwel fost il-ġnus, li għandhom jiġu n-nies ta' Iżrael.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

2Għaddu għal Kalni u taraw, morru minn hemm għal Ħamat il-kbira, u inżlu lejn
Gatt tal-Filistin. Jaqaw intom aħjar minn dawn is-saltniet? Jonkella usa' minn
tagħhom il-fruntieri tagħkom?

3Mingħalihom 'il bogħod jum il-ħsara, waqt li qegħdin iqarrbu l-ħakma tal-
vjolenza.

4Fuq sodod tal-avorju mimduda, jitmattru fuq il-friex; u ħrief il-merħla jieklu,
għoġiela mill-istalla;

5mal-arpa jqabblu l-għana, bħal David strumenti jivvintaw.

6L-inbid ilegilguh minn bwieqi kbar, u bl-ifjen żjut jindilku, bla xejn ma jsewdu
qalbhom għall-qerda ta' Ġużeppi.

7Għalhekk ikunu l-ewwel fost dawk li jittieħdu fl-eżilju, u tintemm imbagħad l-
għajta tal-imhejmin.

8Ħalef il-Mulej bih innifsu, oraklu tal-Mulej tal-eżerċti: "Nistmerr jien il-kburija
ta' Ġakobb, nobgħod il-fortizzi tiegħu. Għalhekk il-belt se nitlaqha b'kulma fiha."

9Għad jiġri li jekk f'dar waħda jifdal għaxra min-nies ħajjin, dawn ukoll imutu.

10U meta qarib ta' xi ħadd mejjet, dak li jaħarqu, jiġbru biex iġorr għadmu 'l barra
mid-dar, u jgħid lil min ikun ġewwa fid-dar: 'Hemm xi ħadd ieħor miegħek?' u
dak iwieġbu: 'Le', jgħidlu: 'Iskot, għax m'għandniex insemmu isem il-Mulej.'

11Għaliex, ara, il-Mulej jikkmanda, u jaħbat għad-dar il-kbira u jagħmilha frak, u
d-dar iż-żgħira laqx.

12Jaqaw iż-żwiemel jiġru fuq il-blat? Jaqaw jaħartu l-baħar bil-baqar? Intom
biddiltu l-ġustizzja f'velenu, u f'imrar il-frott tal-ġustizzja.

13Intom li fraħtu b'Lo-debar, intom li għedtu: "Jaqaw mhux b'ħilitna li rbaħna
Karnajm?"

14"Arawni: Jien inqajjem kontrikom, dar Iżrael, ġens u jgħakksukom mill-
mogħdija ta' Ħamat sal-wied tal-Għaraba," oraklu tal-Mulej, Alla tal-eżerċti.

## Għamos 7

### Id-dehriet ta' Għamos

1Dan urieni Sidi l-Mulej: Arah isawwar qatgħa ġradijiet, meta beda jinbet il-ħaxix
imwaħħar; il-ħaxix imwaħħar wara l-ħsad tas-sultan.

2Meta kielu l-ħaxix tal-art jien għedt: "Sidi Mulej, aħfer, nitolbok! Kif se jżomm
Ġakobb? Daqs kemm hu żgħir!"

3U l-Mulej sogħob bih ta' dan. "Ma jkunx dan," qal il-Mulej.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

4Dan urieni Sidi l-Mulej: Ara, Sidi l-Mulej sejjaħ fjamma nar, u nixef il-qiegħ il-kbir u r-raba' nħaraq.

5U jien għedt: "Sidi Mulej, ieqaf, nitolbok! Kif jista' jżomm Ġakobb? Daqs kemm hu żgħir!"

6U l-Mulej sogħob bih għal dan. "Lanqas dan ma jkun," qal il-Mulej.

7Dan urieni Sidi l-Mulej: Ara Sidi wieqaf maġenb ħajt u f'idu ċ-ċomb tal-bennejja.

8U qalli l-Mulej: "X'qiegħed tara, Għamos?" U jien weġibt: "Iċ-ċomb tal-bennejja."
U qal Sidi: "Ara, se nqiegħed iċ-ċomb tal-bennejja f'nofs il-poplu tiegħi Iżrael; m'iniex se naħfrilhom aktar;

9l-għoljiet ta' Iżakk se jsiru ħerba u jiġġarrfu s-santwarji ta' Iżrael, u nqum bis-sejf għal dar Ġerobogħam."

### Għamos u Amasija

10U Amasija, il-qassis ta' Betel, bagħat jgħid lil Ġerobogħam, is-sultan ta' Iżrael:
"Għamos għamel konfoffa kontrik fid-dar stess ta' Iżrael. Il-pajjiż ma jiflaħx iżjed għal kulma qiegħed jgħid.

11Għax hekk qal Għamos: 'Ġerobogħam imut bis-sejf u Iżrael ikun itturufnat minn artu.' "

12Amasija qal lil Għamos: "Mur, bniedem veġġenti, itlaq lejn l-art ta' Ġuda, u ħobżok kulu hemm, u ħabbar hemm;

13u tkomplix iżjed tħabbar ġo Betel, għaliex Betel santwarju tas-sultan, it-tempju tas-saltna."

14Wieġeb imbagħad Għamos u qal lil Amasija: "Jien m'iniex profeta, lanqas bin profeta; jiena biss ragħaj u niżbor il-ġummajż;

15iżda l-Mulej qabadni minn wara l-merħla, u l-Mulej qalli: 'Mur, ħabbar lill-poplu tiegħi, Iżrael.'

16"U issa, isma' xi jgħid il-Mulej. Inti tgħidli: 'Tħabbarx kontra Iżrael, tbassarx kontra d-dar ta' Iżakk.'

17"Mela dan jgħid il-Mulej: 'Martek għad tintelaq għaż-żina fil-belt; uliedek, subien u bniet, imutu bis-sejf, u artek tinqasam f'oqsma; inti tmut f'art imniġġsa, u Iżrael ikun żgur itturufnat minn artu.' "

## Għamos 8

### Id-dehra tal-qoffa bil-frott

1Dan li wrieni Sidi l-Mulej: qoffa bil-frott tas-sajf.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

2U qalli: "X'inti tara, Għamos?" U weġibt: "Qoffa bil-frott tas-sajf," u l-Mulej qalli:
"Wasal it-tmiem għall-poplu tiegħi Iżrael. Ma naħfirlux iżjed.

3L-għana fit-tempju dakinhar jitbiddel fi twerżiq, oraklu tal-Mulej. Ħafna jkunu
l-katavri mixħutin ma' kullimkien."

### Ir-regħba għall-flus

4Isimgħu dan, intom li tikkalpestaw l-imsejken, intom li ttemmu l-foqra tal-
pajjiż,

5u tgħidu: "Meta se jgħaddi l-qamar ġdid, ħa nbigħu l-qamħ. Meta se jgħaddi s-
Sibt ħa nferrgħu x-xgħir? Inċekknu l-efa, u nkabbru x-xekel, u nqarrqu b'miżien
falz.

6Nixtru bil-flus il-foqra, u b'żewġt iqrieq l-imsejken, u nbigħu sal-karfa tal-
qamħ."

7Il-Mulej ħalef bil-foħrija ta' Ġakobb: "Ma ninsa qatt xejn minn għemilhom!"

8Ma titregħidx l-art minħabba dan? U ma jibkix min jgħammar fiha? Ma jkollhiex
titla' bħan-Nil, u tinżel bħax-xmara tal-Eġittu?

9Jiġri f'dak il-jum, oraklu ta' Sidi l-Mulej, li jiena nniżżel ix-xemx f'Nofsinhar, u
ndallam l-art binhar.

10Għad inbiddel il-festi tagħkom f'jiem ta' vistu, u l-għana kollu tagħkom fi krib;
illibbes il-ġenbejn bl-ixkejjer, u nqarweż l-irjus kollha. Dak il-Jum nagħmlu bħal
jum ta' vistu għall-iben il-waħdieni, u jibqa' sal-aħħar bħal jum ta' mrar.

### Il-ġuħ tal-kelma ta' Alla

11"Ara, għad jiġi żmien, oraklu ta' Sidi l-Mulej, meta nibgħat il-ġuħ fl-art; mhux
il-ġuħ tal-ħobż, lanqas l-għatx għall-ilma, iżda għas-smigħ tal-kelma tal-Mulej.

12Jibdew iduru minn baħar għal ieħor, u jiġġerrew mit-Tramuntana għal-Lvant,
ifittxu l-kelma tal-Mulej, u ma jsibuhiex.

13Dakinhar jinfnew bil-għatx ix-xebbiet sbieħ u ż-żgħażagħ qalbiena.

14Dawk li jaħilfu bl-Għajb ta' Samarija, u jgħidu "Daqs kemm hu ħaj alla tiegħek,
Dan', u 'Daqs kemm hu ħaj il-maħbub tiegħek, Birsaba'. Jaqgħu u qatt iżjed ma
jqumu."

## Għamos 9

### Is-salvazzjoni tal-ġusti

1Rajt lil Sidi wieqaf ħdejn l-artal u qalli: "Ħabbat fuq il-kaptelli sa ma jitheżżu l-
għatbiet, u ġarrafhom fuq irjus in-nies kollha; min jibqa' ħaj minnhom neqirdu
bix-xabla: ħadd minnhom ma jaħrab, ħadd minnhom ma jeħles.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

2Jekk iħaffru f'Qiegħ l-Art, minn hemm taħtafhom idi; jekk jitilgħu fis-smewwiet, minn hemm innizżilhom;

3jekk jinħbew fuq il-quċċata tal-Karmel, hemm infittixhom, u minn hemm naqbadhom; u jekk jinħbew minn quddiem għajnejja f'qiegħ il-baħar, nordna lis-serp jigdimhom;

4u jekk imorru fl-eżilju quddiem l-għedewwa tagħhom, hemm nordna lix-xabla toqtolhom: għajnejja jkunu fuqhom għad-deni u mhux għall-ġid."

5U Sidi l-Mulej tal-eżerċti li jmiss l-art u din iddub, u jibku dawk kollha li jgħammru fiha, u togħla bħan-Nil, u terġa' tinżel bħax-xmara tal-Eġittu;

6li jibni l-għamara tiegħu fl-għoli tas-smewwiet, u jwaqqaf fuq l-art is-sisien tal-wesgħa tas-smewwiet; li jsejjaħ l-ilmijiet tal-baħar, u jferragħhom fuq wiċċ l-art: Jaħweh hu ismu.

7"Mhux bħal ulied Kus intom għalija, ulied Iżrael?" Oraklu tal-Mulej. "Ma ħriġtx jien lil Iżrael mill-Eġittu, u l-Filistin minn Kaftor, u n-nies tas-Sirja minn Kir?

8Ara, għajnejn Sidi l-Mulej fuq is-saltna ħatja, u jien neqridha minn wiċċ l-art, iżda ma neqridx għalkollox lil dar Ġakobb," oraklu tal-Mulej.

9"Ara, jiena nordna, u nqalleb lil dar Iżrael fost il-ġnus, bħalma jqallbu t-terrapien f'għarbiel, imma ebda żrara ma taqa' fl-art.

10Bix-xabla jmutu l-ħatja kollha fost il-poplu, dawk li jgħidu: 'Id-deni ma jmissniex, ma jilħaqniex.'

11Dakinhar intalla' mill-ġdid l-għarix ta' David, li sar ħerba waħda, u rraqqa' t-tiċrit tiegħu; nerġa' ntellagħlu dak li ġġarraf minnu, u nibnih kif kien fl-imgħoddi,

12biex huma jirtu l-fdal ta' Edom, u l-ġnus kollha msemmija għalija," oraklu tal-Mulej li għad jagħmel dan.

13"Araw, għad jiġi żmien," oraklu tal-Mulej, "meta min jaħrat jilħaq fuq min jaħsad, min jagħsar l-għeneb jilħaq fuq min jiżra'; u l-inbid ġdid iqattar mill-muntanji, l-għoljiet kollha jkunu jnixxu minnu.

14Irreġġa' l-poplu tiegħi Iżrael għal li kien; jibnu l-ibliet meqruda u jgħammru fihom; iħawlu d-dwieli u jixorbu l-inbid tagħhom; u jxettlu ġonna u jieklu mill-frott tagħhom.

15U nħawwilhom f'arthom, u qatt iżjed ma jinqalgħu mill-art li tajthom," jgħid il-Mulej, Alla tiegħek.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

# Għabdija 1

### Il-qerda ta' Edom

1 Il-viżjoni ta' Għabdija. Hekk jgħid Sidi l-Mulej dwar Edom: Smajna b'aħbar li ġiet
mingħand il-Mulej, u fost il-popli messaġġier intbagħat: "Qumu! Ejjew inqumu
kontrih! Għall-gwerra!"

2 Ara, jien nagħmlek ċkejken fost il-ġnus, għad tkun imżeblaħ ħafna!

3 Il-qalb imkabbra tiegħek qarrqet bik, inti li tgħammar fl-għerien tal-blat, li
għandek l-għamara tiegħek fl-għoli, inti li f'qalbek tgħid: "Min se jniżżilni fl-art?"

4 Imqar jekk tibqa' togħla 'l fuq daqs ajkla, u fost il-kwiekeb tpoġġi l-bejta tiegħek,
minn hemm ukoll inġarrfek, oraklu tal-Mulej.

5 Jekk jiġu l-ħallelin u jidħlu fuqek, jew jersqu lejk billejl xi nies ħalliela, ma kinux
forsi lilek jisirqulek dak biss illi għalihom hu biżżejjed? Jekk jiġu għandek dawk
li jaqtgħu l-għeneb, mhumiex se jħallu xi tilqit warajhom? Kif ġejt fix-xejn!

6 Kemm qallbuh sewwa ta' taħt fuq 'l Għesaw, fittxewlu b'reqqa l-ġid li kellu
moħbi!

7 Qalgħuk 'il barra nett, sa tarf pajjiżek, kull min għamel patt miegħek daħak bik,
ħbiebek għelbuk, u min kien jiekol miegħek il-ħobż tiegħek nasablek xibka
taħtek. M'hemmx għaqal fih!

8 U jiena, dakinhar, oraklu tal-Mulej, ma neqridhomx l-għorrief minn ġo Edom; u
l-għaqal mill-muntanja ta' Għesaw?

9 Imbagħad il-qalbenin tiegħek, Teman, jitwerwru lkoll bil-biża', għaliex kulħadd
jintemm mill-muntanja ta' Għesaw. Talli biċċirt

10 u ħqart lil ħuk Ġakobb, għad tkun miksi bl-għajb, għal dejjem għad tintemm.

11 Għax dakinhar inti kont bqajt biered, xħin ġidu ġarrewhulu l-barranin, u nies
stranġieri bdew deħlin minn bwiebu u tellgħu x-xorti għal Ġerusalemm; kont
qisek inti nnifsek wieħed minnhom.

12 Imma tifraħx bil-Jum li ġie fuq ħuk, Jum l-hemm tiegħu; u xejn la turi hena
b'ulied Ġuda f'Jum il-qerda tagħhom; lanqas m'għandek tiftaħar f'Jum id-
dwejjaq.

13 U la tgħaddix minn bieb il-poplu tiegħi f'Jum l-għawġ tagħhom; xejn tifraħ int
ukoll bi ħsaratu f'Jum l-għawġ tiegħu; tmiddx idek fuq ġidu f'Jum l-għawġ tiegħu;

14 tiqafx f'salib it-toroq ħa teqred il-maħrub minnu; la terħihomx f'idejn l-
għedewwa tagħhom lil dawk li jibqgħu fih f'Jum id-dwejjaq.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

15Għax qrib Jum il-Mulej għall-popli kollha! Kif għamilt inti, hekk għad jagħmlu
lilek, fuq rasek stess għad jaqa' għemilek.

16Għaliex kif mill-muntanja mqaddsa tiegħi mortu tixorbu intom, hekk għad
jixorbu dejjem il-ġnus kollha: jixorbu u jlegilgu, imbagħad ikunu qishom qatt ma
kienu.

17Iżda fuq il-muntanja ta' Sijon jibqgħu xi meħlusin, u hi tkun post qaddis; u dar
Ġakobb tfaqqar lil min faqqarha!

18U dar Ġakobb tkun nar, u dar Ġużeppi tkun xrara, u dar Għesaw tkun tiben, u
jaħarquhom, iva, jibilgħuhom, ebda meħlus ma jibqa' f'dar Għesaw: għax tkellem
il-Mulej!

19In-nies tan-Negeb jieħdu f'idejhom il-muntanja ta' Għesaw; u dawk ta' Sefela,
pajjiż il-Filistin; il-wita ta' Efrajm taqa' f'idejhom, u jieħdu dik ta' Samarija wkoll;
u Benjamin jieħu Gilgħad għalih.

20L-eżiljati ta' Ħalah, dawn ulied Iżrael, jieħdu Kangħan għalihom, sa Sarefta; l-
itturufnati ta' Ġerusalemm, li qegħdin f'Sefarad, jieħdu l-ibliet tan-Negeb.

21U, meħlusin mill-eżilju, fuq il-muntanja ta' Sijon jitilgħu biex mill-muntanja ta'
Għesaw jagħmlu l-ħaqq. U tkun imbagħad is-saltna tal-Mulej.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

# Ġona 1

### Ġona ma jilqax il-missjoni tiegħu

1Il-kelma tal-Mulej waslet lil Ġona bin Amittaj, u qallu:

2“Qum, mur Ninwè, il-belt il-kbira, u xandrilha li ħżunithom telgħet quddiemi.”

3Imma Ġona qam biex jaħrab lejn Tarsis minn quddiem il-Mulej. Niżel Ġaffa, fejn inzerta ġifen sejjer lejn Tarsis, ħallas il-passaġġ, u telaq fuqu biex imur magħhom f’Tarsis, ’il bogħod mill-Mulej.

### It-tempesta

4Iżda l-Mulej bagħat riefnu fuq il-baħar, u qamet taqliba kbira, hekk li l-ġifen kien għoddu nqasam.

5Il-baħrin twerwru, u kull wieħed minnhom beda jgħajjat lill-alla tiegħu; u waddbu l-baħar il-merkanzija li kien hemm fuq il-ġifen, biex iħaffu minn fuqhom. Iżda Ġona niżel isfel nett tal-ġifen, imtedd u raqad fil-fond.

6Imbagħad resaq fuqu l-kaptan u qallu: “Int kif int rieqed? Qum, u sejjaħ lil Alla tiegħek! Għandu mnejn Alla jiftakar fina u ma nintilfux!”

7Imbagħad bdew jgħidu wieħed lil ieħor: “Ejjew nitfgħu x-xorti, ħa nkunu nafu ta’ min hi l-ħtija li waqa’ fuqna dan l-għawġ kollu.” Tefgħu x-xorti, u x-xorti waqgħet fuq Ġona.

8Imbagħad qalulu: “Issa għidilna: ħtija ta’ min ġie fuqna dan il-għawġ? X’inhu xogħlok, minn fejn int ġej, liema hu pajjiżek, u minn liema poplu int?”

9“Jien Għebrew,” qalilhom, “u nqim lill-Mulej, Alla tas-sema, li għamel il-baħar u l-art.”

10Dawk l-irġiel beżgħu biża’ kbir, u qalulu: “Dan għax għamiltu?” Għax billi hu qalilhom kollox, saru jafu li kien ħarab minn quddiem il-Mulej.

11Imbagħad qalulu: “X’se nagħmlu bik, biex il-baħar jikkwitalna?” Għax il-baħar baqa’ jżid.

12“Aqbduni u ixħtuni l-baħar,” qalilhom, “u l-baħar jikkwitalkom. Għax naf li din it-tempesta kollha waqgħet fuqkom ħtija tiegħi.”

13In-nies armaw jaqdfu biex jerġgħu jaqbdu l-art, iżda ma seħħilhomx, għax it-taqlib tal-baħar baqa’ jżid kontrihom.

14Għalhekk sejħu l-Mulej u qalu: “Jaħasra, Mulej, nitolbuk li ma tħalliniex nintilfu ħtija tal-ħajja ta’ dan il-bniedem, u twaħħalniex ħatja ta’ demm bla ħtija, għax kont int, Mulej, li għamilt kif għoġbok.”

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

15U qabdu ’l Ġona u xeħtuh il-baħar, u l-baħar raqqad il-qilla tiegħu.

16U l-irġiel qabadhom biża’ kbira mill-Mulej, u offrew sagrifiċċji lill-Mulej u għamlu wegħdiet.

## Ġona 2

### Ġona salvat

1U l-Mulej qabbad ħuta kbira tibla’ ’l Ġona, u Ġona baqa’ tlitt ijiem u tliet iljieli f’żaqq il-ħuta.

2U talab Ġona lill-Mulej, Alla tiegħu, minn żaqq il-ħuta,

3u qal: “Fid-dwejjaq tiegħi lill-Mulej sejjaħt, u hu weġibni; mill-ġuf ta’ Art l-Imwiet krabt għall-għajnuna, u leħni smajtu.

4Inti tfajtni fil-qiegħ, ġo nofs il-baħar, u l-wied dar miegħi; l-imwieġ il-kbar u l-ħalel kollha tiegħek għaddew minn fuqi.

5U jiena għedt: “Tgerrixt minn quddiem wiċċek: kif nerġa’ nara t-tempju mqaddes tiegħek?”

6Dawruni l-ilmijiet sa għoddhom fgawni, l-abbiss dar miegħi, tkebbet ma’ rasi l-alka, f’tarf il-muntanji.

7Inżilt ġol-art, madwari l-qofol tagħha dar għal dejjem. Imm’int tellajtli ħajti minn ġol-ħofra, Mulej, Alla tiegħi.

8Meta ġo fija kelli ruħi mħeddla, jien fil-Mulej ftakart; u t-talba tiegħi telgħet sa quddiemek, fit-tempju mqaddes tiegħek.

9Dawk li jirrispettaw l-idoli fiergħa ikunu qed jarmu t-tjieba tagħhom.

10Jien, iżda, lilek noffri s-sagrifiċċji, b’leħen ta’ radd il-ħajr, u dak li wegħedt irroddu. Is-salvazzjoni tiġi mill-Mulej.”

11U l-Mulej kellem lill-ħuta, u din xeħtet lil Ġona fuq l-art.

## Ġona 3

### In-nies ta’ Ninwè jindmu u Alla jaħfrilhom

1U l-kelma tal-Mulej għat-tieni darba waslet lil Ġona u qallu:

2“Qum, mur f’Ninwè, il-belt il-kbira, u xandrilha li ngħidlek jien.”

3U Ġona qam u mar f’Ninwè kif qallu l-Mulej. Issa Ninwè kienet belt kbira għall-aħħar, trid tlitt ijiem biex timxiha.


© 2020 Malta Bible Society.

4Ġona, kif daħal il-belt, beda ġurnata mixi, ixandar u jgħid: "Erbgħin jum ieħor,
u Ninwè ssir ħerba!"

5In-nies ta' Ninwè emmnu f'Alla, nedew sawma u libsu x-xkejjer, mill-kbir saż-
żgħir.

6L-aħbar waslet għand is-sultan ta' Ninwè, u qam minn fuq it-tron tiegħu, neħħa
minn fuqu l-mantell tiegħu, inkesa bi xkora, u ntasab fuq l-irmied.

7U ħarġu jxandru u jgħidu f'Ninwè: "B'digriet tas-sultan u tal-kbarat tiegħu: La
nies, la annimali, la bhejjem u lanqas merħliet, ħadd m'għandu jduq xejn, u la
jirgħu u lanqas jixorbu ilma.

8U jinksew bi xkejjer, kemm il-bnedmin u kemm l-annimali jgħajtu b'qawwa lejn
Alla, u kull wieħed jerġa' lura minn triqtu l-ħażina u mill-ħsara li għamel b'idejh.

9Min jaf jekk Alla jibdilux u jisgħobx bih, u jdur mill-korla mixgħula tiegħu, u
aħna ma nintilfux!"

10U Alla ra x'għamlu, kif reġgħu lura minn triqthom il-ħażina. U Alla raġa' bdielu
mid-deni li qal li kien se jagħmlilhom, u ma għamlux.

## Ġona 4

### Il-profeta jinkedd u Alla jwieġbu

1Iżda dan xejn li xejn m'għoġbu lil Ġona, u nkorla.

2U talab lill-Mulej u qal: "Jaħasra, Mulej, mhux dan kien kliemi meta kont għadni
f'pajjiżi? Kien għalhekk li jien għall-ewwel ħrabt lejn Tarsis, għax kont naf li int
Alla ħanin u tagħder, tqil biex tinkorla, kollok tjieba u jisgħob bik għad-deni.

3U issa, Mulej, ħudli ħajti, nitolbok, għax għalija aħjar immut milli nibqa' ħaj!"

4U qal il-Mulej: "Dan sewwa għalik li tinkorla?"

5Imbagħad Ġona ħareġ mill-belt u qagħad in-naħa tal-Lvant tal-belt; tella' għalih
għarix hemmhekk, u qagħad taħtu, għad-dell, biex jara x'kien se jiġri mill-belt.

6U l-Mulej Alla ordna li titla' siġra tar-riġnu għal Ġona, biex ikollu d-dell fuq rasu
u teħilsu mill-ħsara. Ġona feraħ wisq bis-siġra;

7imma kif sebaħ l-għada, Alla bagħat dudu li mess is-siġra u din nixfet.

8Ġara mbagħad li, kif telgħet ix-xemx, il-Mulej bagħat riħ jaħraq mil-Lvant, ix-
xemx qabdet tisreġ fuq ras Ġona, hekk li dan ħassu ħażin u xtaq li jmut, u qal:
"Għalija aħjar immut milli nibqa' ħaj!"

9U qal Alla lil Ġona: "Dan sewwa għalik li tinkorla għas-siġra?" Iżda hu wieġeb:
"Iva, sewwa li nkurlajt sal-mewt."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

10Imbagħad qallu l-Mulej: "Inti ġietek ħasra mis-siġra tar-riġnu, li la tħabatt
għaliha u lanqas kabbartha int, u li f'lejl wieħed ġiet u f'lejl wieħed marret.

11Mela jiena ma kellix tiġini ħasra minn Ninwè, il-belt il-kbira fejn hemm aktar
minn mija u għoxrin elf ruħ li ma jafux jagħżlu bejn il-lemin u x-xellug tagħhom,
u fejn hemm ukoll ħafna bhejjem?"

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

# Mikea 1

1Il-kelma tal-Mulej li ġiet lil Mikea, minn Moreset, fi żmien Ġotam, Aħaż u Ħeżekija, slaten ta' Ġuda, li kellu dehriet dwar Samarija u Ġerusalemm.

### Tehdid u kundanni

2Isimgħu, popli kollha, agħti widen, art u kulma fik: Sidi l-Mulej ikun xhud kontrikom, is-Sid mit-tempju mqaddes tiegħu!

3Għax, ara, il-Mulej ħiereġ mill-għamara tiegħu, se jinżel u jirfes fuq l-għoljiet tal-art;

4il-muntanji jdubu taħtu, u l-widien jinħallu, bħax-xema' quddiem in-nar, bħall-ilma mitluq għan-niżla.

5Dan kollu minħabba d-dnub ta' Ġakobb, u minħabba l-ħtija ta' dar Iżrael. X'inhu d-dnub ta' Ġakobb? Mhux Samarija? U x'inhi l-ħtija ta' dar Ġuda? Mhux Ġerusalemm?

6Lil Samarija nagħmilha borġ ġebel fir-raba', għalqa fejn ixettlu d-dwieli; il-ġebel tagħha narmih fil-wied, u nikxfilha s-sisien tagħha.

7L-istatwi tagħha kollha jitfarrku, il-qligħ tagħha kollu jinbala' fin-nar, l-idoli tagħha kollha neqridhomlha; għax minn qligħ in-nisa żienja ġabrithom, u kiri tan-nisa żienja jerġgħu jsiru.

### Tilwim dwar l-ibliet fil-Lbiċ ta' Ġuda

8Fuq hekk nibki u nolfoq, immur imnażża' u għeri, noqgħod nibki bħax-xakalli, u nnewwaħ bħan-ngħama.

9Għax il-ġerħa tagħha m'hemmx fejqan għaliha, u messet ukoll lil Ġuda, laħqet sal-bieb tal-poplu tiegħi, sa lil Ġerusalemm.

10Tgħiduhiex f'Gatt; tibku xejn; f'Bet-legħafra tmiegħku fit-trab!

11Għaddi 'l hemm, int li tgħammar f'Safir; dawk li jgħammru f'Sanan ma ħarġux mill-belt. Bet-esel inqabdet sa mis-sisien tagħha, sa mill-post qawwi tagħha.

12Qiegħda tnin bix-xewqa għall-ġid dik li tgħammar f'Marot; imma mingħand il-Mulej niżlet il-ħsara f'bieb Ġerusalemm.

13Orbot iż-żiemel ġerrej fil-karru, int li tgħammar f'Lakis; int il-bidu tad-dnub għal bint Sijon, għax fik instabu d-dnubiet ta' Iżrael.

14Għalhekk ikollok tagħti r-rigali tat-tluq lil Moreset-gat. Bet-akżib tkun gidba għas-slaten ta' Iżrael.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

15Għad nerġa' nġib fuqek 'il min jirbħek, int li tgħammar f'Maresa; sa Għadullam
għad tasal, il-glorja ta' Iżrael.

16Tfartas u tqarweż, għal ulied l-għaxqa tiegħek, il-qargħa tiegħek daqs ta' ajkla,
għax ittieħdu fl-eżilju 'l bogħod minnek!

## Mikea 2

### Kontra n-negozju inġust

1Hażin għalihom dawk li jfasslu l-ħsara, dawk li jsawru d-deni fuq sodditħom! U
jagħmluh mas-sebħ filgħodu, għax idejhom għandhom is-setgħa.

2Jekk jitlebilbu għall-għelieqi, jisirquhom; jekk għad-djar, jaħtfuhom; jagħmlu l-
vjolenza fuq raġel u daru, fuq is-sid u ġidu.

3Għalhekk dan jgħid il-Mulej: "Ara, kontra din ir-razza ta' nies qed infassal
ħsibijiet ta' ħsara, li ma teħilsux għonqkom minnha, u ma tibqgħux timxu
raskom merfugħa, għax ikun żmien ħażin."

4Dakinhar tiġu f'ilsien in-nies, jgħannulkom għanja tal-biki u jgħidulkom: "Aħna
misruqin serqa għall-aħħar: sehem il-poplu tiegħu qiegħed jitqies bil-ħbula,
m'hemm ħadd biex iroddhulu lura; ir-raba' tagħna sar sehem min seraqna."

5Għalhekk għalikom ma jkunx hemm min jixħet il-ħabel tal-qjies bix-xorti fil-
ġemgħa tal-Mulej.

### Il-profeta li jhedded bil-ħsara

6"Ixxerrdux xnigħat!" ixandru huma; "Aħbarijiet bħal dawn m'għandhomx
jixxandru! Ebda għajb mhu se jaqa' fuqna."

7Jaqaw id-dar ta' Ġakobb misħuta? Jaqaw il-Mulej tilef sabru? Dawn huma
għemejjel tiegħu? Kliemu mhuwiex kliem ta' ġid ma' min jimxi dritt?"

8Intom li qomtu bħala għedewwa għall-poplu tiegħi, lill-bniedem fis-sliem
tneżżgħuh mill-mantar tiegħu, lil min ikun għaddej b'rasu mistrieħa, bħallikieku
priża tal-gwerra.

9In-nisa tal-poplu tiegħi tgerrxuhom minn djarhom fejn ikunu għal qalbhom. Lil
uliedhom tneħħulhom il-ġieħ li jien tajthom għal dejjem.

10"Qumu u morru, għidulhom, dan mhux post il-mistrieħ!" Għal kull ħaġa ta' xejn
tieħdu rahan bla qjies.

11Jekk jgħaddi bniedem fieragħ, kollu gideb u qerq, u jgħid: "Inħabbarlek inbid u
xorb," dan isir il-profeta ta' dan il-poplu.

### Wegħda ta' tiġdid

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

12 Niġbrok, Ġakobb, kollok kemm int, niġbor il-fdal ta’ Iżrael, nqegħedhom flimkien bħal nagħaġ f’maqjel, bħal merħla f’nofs ta’ mergħa, geġwiġija ta’ nies, bla ma jibżgħu minn ħadd.

13 Jitla’ quddiemhom dak li jiftaħ it-triq, jiftaħ it-triq, jgħaddu mill-bieb u joħorġu minnu, u jgħaddi s-sultan tagħhom quddiemhom, il-Mulej fir-ras tagħhom.

# Mikea 3

### Għall-kbarat li jaħqru l-poplu

1 Imbagħad jien għedt: “Issa isimgħu, kbarat ta’ Ġakobb, u mexxejja tad-dar ta’ Iżrael! Mhux lilkom imiss li tagħrfu l-ġustizzja?

2 Intom għedewwa tat-tjieba u ħbieb tal-ħażen, li tisolħulhom il-ġilda minn fuqhom, u laħamhom minn fuq għadamhom?

3 Dawn huma li jieklu laħam il-poplu tiegħi; iqaxxruhom u jfarrkulhom għadamhom; iqattgħuhom qishom laħam għall-borom, bħal biċċa laħam f’kazzola,

4 u mbagħad jgħajtu lill-Mulej. Iżda hu ma jweġibhomx; hu jaħbi wiċċu minnhom f’dak iż-żmien, talli kulma għamlu għamluh ħażin.

### Għall-profeti mixtrija

5 Hekk jgħid il-Mulej dwar il-profeti, li jtellfu t-triq lill-poplu tiegħi; li jgħidu “Paċi!” jekk ikollhom xi jgerrmu bi snienhom, imma jħejju gwerra qaddisa għal min ma jagħtihom xejn għal ħalqhom.

6 Għalhekk ikollkom lejl fuqkom u ma tarawx dehriet; ikollkom dlam fuqkom mingħajr tħabbir; u tgħib ix-xemx għall-profeti, u jiddallam għalihom il-jum.

7 Imbagħad il-veġġenti jkollhom mniex jistħu, il-ħabbara jħammru wiċċhom, u lkoll jibdew jgħattu xufftejhom, għax ebda tweġiba ma jkollhom minn Alla.

8 Imma jien, jien mimli bil-qawwa, bl-ispirtu tal-Mulej, bil-ġustizzja u l-kuraġġ, biex nuri ’l Ġakobb id-dnub tiegħu, u l-ħtijiet tiegħu lil Iżrael.

### Titħabbar il-qerda ta’ Sijon

9 Isimgħu dan, mela, kbarat tad-dar ta’ Ġakobb, u mexxejja tad-dar ta’ Iżrael, li għandkom mibegħda għall-ġustizzja, u tħassru kulma hu sewwa,

10 li tibnu ’l Sijon bid-demm, u lil Ġerusalemm bil-ħażen.

11 Il-kapijiet tagħha jinxtraw biex jagħmlu l-ġustizzja, il-qassisin tagħha jridu l-ħlas biex jgħallmu, il-profeti tagħha jridu l-flus biex jeħbru. U madankollu jistrieħu fuq il-Mulej u jgħidu: “Mhuwiex fostna l-Mulej? Ħsara ma tiġix fuqna!”

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

12Għalhekk, minħabba fikom, Sijon għad tinħarat bħal għalqa, borġ ġebel għad
issir Ġerusalemm, u l-muntanja tat-tempju għolja kollha siġar.

## Mikea 4

### Il-Mulej għad isaltan f'Sijon

1Għad jiġri fl-aħħar jiem li l-għolja ta' dar il-Mulej togħla 'l fuq mill-qċaċet tal-
muntanji, u tintrefa' 'l fuq mill-għoljiet. Lejha għad jiġu l-popli kollha,

2kotra sħiħa ta' ġnus għad jiġu u jgħidu: "Immorru u nitilgħu fuq l-għolja tal-
Mulej, lejn id-dar ta' Alla ta' Ġakobb, biex jgħallimna triqatu, biex aħna nimxu fi
triqtu. Għax minn Sijon toħroġ il-liġi, u l-kelma tal-Mulej minn Ġerusalemm."

3U jkun hu l-imħallef ta' ħafna popli, f'idejh ikun id-destin ta' ġnus setgħana,
imqar l-aktar imbiegħda. Ix-xwabel tagħhom idewbuhom f'sikek, u l-lanez
tagħhom fi mnieġel. Il-ġnus ma jisiltux ix-xwabel għal xulxin, u ma jitħarrġux
aktar għall-gwerra.

4Imma kull wieħed jintasab taħt id-dielja tiegħu, u taħt is-siġra tat-tin tiegħu; u
ma jkunx hemm min iwerwirhom, għax fomm il-Mulej tal-eżerċti tkellem.

5Għax il-popli kollha jimxu kull wieħed f'isem l-alla tiegħu; imma aħna nimxu
f'isem il-Mulej, Alla tagħna, għal dejjem ta' dejjem.

### Il-merħla mxerrda għad tinġabar f'Sijon

6"Dakinhar, oraklu tal-Mulej, jien niġma' z-zopop, u niġbor l-imkeċċijin u 'l dawk
li jien kont ħqart.

7U z-zopop nagħmilhom fdal, l-imwarrba nagħmilhom ġnus setgħana." U l-Mulej
isaltan fuqhom fil-muntanja Sijon, minn issa u għal dejjem.

8U int, Torri tal-Merħla, Għolja ta' bint Sijon, tasallek u tiġik is-saltna tal-
imgħoddi, is-saltna ta' bint Ġerusalemm.

### Assedju, turufnament u ħelsien ta' Sijon

9Issa għalfejn dan il-biki kollu? Ma hemmx sultan ġo fik? Jaqaw il-kunsillier
tiegħek għab, biex qabdek uġigħ il-mara fil-ħlas?

10Tkagħweġ bl-uġigħ, bint Sijon, infaqa' bil-biki, bħal mara fil-ħlas, għax issa se
toħroġ barra mill-belt, u tibda tgħammar fil-kampanja. Inti se tmur Babilonja:
hemm teħles, hemm jifdik il-Mulej minn idejn l-għedewwa tiegħek.

### Il-ġnus midrusa fuq il-qiegħa ta' Sijon

11Issa nġemgħu kontra tiegħek ġnus kotrana, li qegħdin jgħidu: "Ha titkasbar, u
ħa jitpaxxew għajnejna b'Sijon."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

12Iżd'huma ħsibijiet il-Mulej ma jafuhomx, il-pjan tiegħu ma għarfuhx; għax hu
ġabarhom qishom qatet fuq il-qiegħa.

13Qum, bint Sijon, u idres, għax il-qarn jien nagħmilhulek tal-ħadid, dwiefer
saqajk nagħmilhomlok tal-bronż, u inti tfarrak bosta popli, tħalli għall-Mulej dak
li tikseb minnhom, u ġidhom lil Sid l-art kollha.

### Niket u ġieħ għal dar David

14Bħalissa int tinsab marsusa wisq, għalquna f'assedju; lill-imħallef ta' Iżrael
qegħdin jagħtuh b'għasluġ fuq ilħitu.

## Mikea 5

1Imma int, Betlehem ta' Efrata, ċkejkna fost il-familji ta' Ġuda, minnek għad
joħroġli dak li jkun prinċep f'Iżrael; hu għandu l-bidu tiegħu mill-qedem, sa minn
dejjem ta' dejjem.

2Għalhekk il-Mulej jitlaqhom sa meta teħles dik li hi fl-uġigħ tal-ħlas; imbagħad
il-bqija ta' ħutu jerġgħu lura fost ulied Iżrael.

3U hu joqgħod jirgħa l-merħla tiegħu bil-qawwa tal-Mulej, bil-glorja ta' isem il-
Mulej, Alla tiegħu. U huma jgħammru fiż-żgur, għax issa tkun kbira seteghtu, sa
trufijiet l-art.

4U dan ikun is-sliem!

### Il-Lhud qalbhom qawwija

L-Assirja, jekk tidħol f'pajjiżna, u jekk tirfes fil-kastelli tagħna, inqajmu għaliha
seba' rgħajja, u tmien prinċpijiet mill-poplu.

5Huma jirgħu 'l-Assirja bis-sejf, u l-art ta' Nimrod bix-xwabel misluta. U jeħlisna
mill-Assirja, jekk din tidħol f'pajjiżna, u jekk tirfes fuq artna.

### Post il-bqija fost il-ġnus

6U jkun il-fdal ta' Ġakobb fil-ġnus, fost kotra ta' popli bħan-nida li tiġi mill-Mulej,
bħall-irxiex tax-xita fuq il-ħaxix, li ma jistennew xejn minn ħadd, lanqas jittamaw
fil-bnedmin.

7U jkun il-fdal ta' Ġakobb fil-ġnus fost kotra ta' popli, bħal iljun qalb il-bhejjem
tal-foresta, bħal ferħ ta' ljun fost merħliet ta' nagħaġ, li, meta jgħaddi, jgħaffeġ u
jqatta', u ħadd ma jeħlisha minn taħt idejh.

8Ha tintrefa' idek kontra min jeħodha miegħek, u jintemmu l-għedewwa kollha
tiegħek.

### Il-Mulej iwarrab kull tiġrib

9U jiġri f'dak il-jum, oraklu tal-Mulej, li ntemm iż-żwiemel tiegħek minn ġo
nofsok, neqred il-karrijiet tiegħek,

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

10intemm il-bliet ta' pajjiżek, inġarraf is-swar tiegħek kollha,

11intemm kull seħer minn idek, u bassara ma jkollokx iżjed;

12inkisser il-plieri u l-istatwi tiegħek minn ġo nofsok, xbihat allatek nagħmilhom
ħerba,

13intemm ix-xbihat tiegħek tal-Asera, u ma tinxteħetx aktar fl-art quddiem l-opri
ta' jdejk.

14U b'korla u saħna kbira nitħallas mill-ġnus li ma jkunux iridu jisimgħu.

## Mikea 6

### Il-Mulej jagħmel ħaqq mill-poplu tiegħu

1Isimgħu, mela, dan li jgħid il-Mulej! Qum, iddefendi ruħek quddiem il-muntanji,
ħalli l-għoljiet jisimgħu leħnek!

2Isimgħu, muntanji, it-tilwima tal-Mulej, iftħu widnejkom, sisien l-art, għax din
hi tilwima tal-Mulej mal-poplu tiegħu, ma' Iżrael għandu xi jgħid:

3"X'għamiltlek jiena, poplu tiegħi? Fiex dejjaqtek? Weġibni.

4Għax jien tellajtek mill-art tal-Eġittu, fdejtek minn dar il-jasar; jien bgħatt
quddiemek 'il Mosè, lil Aron u 'l Mirjam.

5Ftakar, iva, poplu tiegħi: biex kien ħareġ Balak, sultan ta' Mowab, u x'wieġbu
Balgħam bin Begħor? Ftakar ma' xiex iltqajt minn Sittim sa Gilgal, ħalli b'hekk
tagħraf l-għemejjel sewwa tal-Mulej."

6"Biex se nersaq quddiem il-Mulej, u nitbaxxa quddiem Alla l-Għoli? Se nersaq
quddiemu b'sagrifiċċji tal-ħruq u b'għoġiela ta' sena?

7Il-Mulej se jogħġbuh l-eluf ta' mtaten, u l-għaxriet ta' eluf ta' widien ta' żejt? Se
noffrilu 'l ibni l-kbir b'sagrifiċċju għad-dnub tiegħi? Se nagħtih l-ewwel wild
tiegħi, il-frott ta' ħdani għal ħtijieti?"

8Bniedem, huwa wriek x'inhu tajjeb u x'jistenna minnek il-Mulej: li tagħmel dak
li hu ġust, li tħobb u tkun ħanin, u li tkun umli fl-imġiba tiegħek ma' Alla tiegħek."

### Għall-qarrieqa tal-belt

9Leħen il-Mulej isejjaħ il-belt, jiswa li wieħed jibża' minn ismek! "Isimgħu
tribujiet u ġemgħa tal-belt!

10Se ninsa jiena dar il-ħażin, li jiġma' fiha t-teżori tal-ħażen, u s-saħta tal-efa
mnaqqsa?

11U l-miżien ħażin, u l-borża bil-bċejjeċ foloz tal-użin, nista' jien inqishom
b'tajba?

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

12L-għonja tagħha m' għandhomx ħlief moħqrija u n-nies tagħha kollhom kliem
b'ieħor, u lsienhom qerq ġo fommhom.

13Jien ukoll, mela, inneħħilek saħħtek bis-swat, u nagħmlek ħerba għal ħtijietek.

14Tibda tiekol bla ma tixba', titħalla bl-istonku tiegħek vojt, twarrab xi ħaġa u ma
tfaddal xejn, u dak li tfaddal nitlaqhulek għax-xabla.

15Tiżra' u ma taħsadx, tisħaq iż-żebbuġ, u ma tindilikx biż-żejt, tagħsar l-għeneb,
u ma tixrobx inbid.

16Int ħarist il-liġijiet ta' Għomri u d-drawwiet kollha tad-dar ta' Aħab, u mxejt fit-
triqat li fasslu huma, biex nagħmel minnek ħerba, u 'l niesek jiddieħku bihom, u
int titgħabba biż-żebliħ tal-ġnus."

## Mikea 7

### Nuqqas ta' ħaqq kullimkien

1Imsejken jien! Għax sirt bħal min irid jiġbor il-frott tas-sajf, qisni tilqit wara
qtigħ l-għeneb: ebda għanqud ma ssib x'tiekol, jew xi tina bikrija milli nħobb
jien!

2Għab il-bniedem twajjeb mill-pajjiż, u ħadd ġust fost il-bnedmin. Kulħadd
jissajja għad-dmija, kulħadd jonsob xibka għal sieħbu.

3Idejhom qegħdin biex jagħmlu l-ħsara; il-prinċep u l-imħallef jittallbu rigali, u
l-kbir jitkellem kif jogħġob lilu; kulħadd iħawwad.

4U l-aħjar fosthom qishom xewka, l-aktar nies sewwa fosthom qishom ħarġa
ħurrieq. Jasal jum l-għases tiegħek, il-kastig tiegħek, imbagħad tiġihom it-
taħwida.

5Tafdawx f'għajrkom, isserrħux raskom fuq il-ħbieb. Oqgħod attent li ma tiftaħx
fommok ma' dik li tistrieħ fi ħdanek.

6Għax l-iben imaqdar lil missieru, il-bint tqum għal ommha, il-mara kontra omm
żewġha, u l-għedewwa tal-bniedem ikunu nies daru.

7Imma jien nittama fil-Mulej, nistenna 'l Alla tas-salvazzjoni tiegħi, Alla tiegħi
jismagħni.

### Sijon imżebilħa mill-għadu

8Tifraħ xejn minħabba fija, għadu tiegħi, għax jien, jekk waqajt, nerġa' nqum;
jekk ninsab fid-dlam, Alla d-dawl tiegħi.

9Ladarba ħtejt kontra l-Mulej, jien nissaporti fuqi l-korla tiegħu, sa ma jaqta' l-
kawża tiegħi u jagħmel ħaqq miegħi; imbagħad hu joħroġni għad-dawl ħa nara
l-għemejjel sewwa tiegħu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

10Meta dik li hi għadu tiegħi tara dan, hi tinkesa bil-mistħija, hi li kienet tgħidli:
“Fejn hu Alla tiegħek?” Jitpaxxew għajnejja biha; imma hi tkun mgħaffġa bħat-
tajn tat-triqat.

### Jitħabbar it-tiġdid

11Ara jum li jerġgħu jinbnew swarek, il-jum li jitwasslu fil-bogħod trufijietek,

12il-jum li jiġu għandek mill-Assirja u sa mill-Eġittu, minn Tir u sa min-naħa tal-
Ewfrat, minn baħar sa ieħor u minn muntanja sa oħra.

13U l-art issir ħerba, ħtija ta’ dawk li jgħammru fiha, minħabba frott għemilhom.

### Talba kontra l-ġnus

14Irgħa l-poplu tiegħek taħt ix-xettru tiegħek, il-merħla, il-wirt tiegħek,
maqtugħa għaliha ġol-foresta, fil-qalba ta’ ġnejna sabiħa. Jalla tirgħa f’Basan u
f’Gilgħad, bħal fiż-żmien ta’ dari!

15Urina għeġubijietek, bħal meta ħriġt mill-Eġittu.

16Il-ġnus jaraw u jitħawdu, minkejja ħilithom kollha; iqiegħdu idhom fuq
fommhom, widnejhom jittarrxulhom;

17jilagħqu t-trab bħas-serp, bħall-bhejjem li jitkaxkru mal-art; joħorġu mriegħda
mill-moħbiet tagħhom, lejn il-Mulej, Alla tagħna, jitkexkxu u jibżgħu quddiemek.

### Sejħa għall-maħfra ta’ Alla

18Min hu Alla bħalek li jneħħi l-ħażen, u jaħfer id-dnub lil fdal wirtu? Hu ma
żammx il-korla tiegħu għal dejjem, għax lilu jogħġbu juri ħniena.

19U hu jerġa’ jħenn għalina, jixħet ħżunitna taħt saqajh, jarmi ħtijietna kollha
f’qiegħ il-baħar.

20Ġib ruħek ma’ Ġakobb bil-fedeltà, bil-ħniena ma’ Abraham, bħalma ħlift lil
missirijietna minn żmien il-qedem.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

# Naħum

## Naħum 1

1Oraklu dwar Ninwè. Ktieb id-dehra ta' Naħum minn Elkos.

### Salm. Il-korla tal-Mulej

2Il-Mulej hu Alla għajjur u jaf jitħallas, il-Mulej jitħallas u jixgħel bil-korla, il-Mulej jitħallas mill-avversarji tiegħu isorr il-korla għall-għedewwa tiegħu.

3Il-Mulej tqil biex jagħdab, għalkemm kbir fil-qawwa. Il-Mulej ma jaħfirhiex lill-ħati. Triqtu tinsab fir-riefnu u fit-tempesta, is-sħab hu t-trab tal-passi tiegħu.

4Hu jċanfar l-ibħra u jinxfu, u x-xmajjar kollha jbattal. Basan jidbiel quddiemu mal-Karmel, fil-Libanu tisfar il-ħdura kollha.

5Quddiemu taqbad rogħda lill-muntanji, l-għoljiet idubu. Quddiemu l-art titqanqal u d-dinja u kull min jgħammar fiha.

6Quddiem qilltu min se jieqaf? Min jista' jżomm bil-korla mkebbsa tiegħu? L-għadab tiegħu bħan-nirien jitferrex, imqar il-blat jitfarrak trab quddiemu.

7Twajjeb, iva, il-Mulej, fortizza f'jum l-għawġ: hu jieħu ħsieb dawk li fih jistkennu.

8Iżda b'għargħar ta' ilma, hu jġib fix-xejn lil min iqum kontrih, u jiġri sa fid-dlam wara l-għedewwa.

### Oraklu kontra Ninwè

9X'intom taħsbu ġo moħħkom kontra l-Mulej? Se jagħmel qerda sħiħa; kull min iqum kontrih ma jqumx darbtejn.

10U bħal meta faxx xewk jagħtuh in-nar, hekk in-nar jikolhom bħat-tiben niexef.

11Minnek kien ħareġ dak li niseġ id-deni kontra l-Mulej, ix-xitan Beljal.

12Hekk jgħid il-Mulej: "Għad li qawwija, u kotrana ħafna, iżd'huma jkunu maħsuda, u jgħibu. U għad li jien għakkistek, iżda ma ngħakksikx iktar.

13Minn fuqek issa nkisser il-madmad tiegħu u nqaċċat l-irbit tiegħek."

14Dan hu illi l-Mulej ordna għalik: "Ma jkunx hemm aktar nisel li jġib ismek, minn dar allatek jien għad neqred kull xbieha mnaqqxa, u kull xbieha mdewba; inħaffer qabrek, għax int kollok għajb."

## Naħum 2

### Oraklu dwar Ġuda

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

1 Ara, fuq il-muntanji hemm ir-riġlejn ta' min iġib l-aħbarijiet it-tajba, ta' min is-sliem ixandar! Agħmel bil-ferħ il-festi tiegħek, Ġuda, u rodd wegħdietek, għax ma jżidx jgħaddi minnek ix-xitan Beljal, intemm għalkollox.

3 Għax ġedded il-Mulej id-dielja ta' Ġakobb, u d-dielja t'Iżrael, li l-ħallelin żarmawhom u ħassru l-friegħi tagħhom.

### Il-qerda ta' Ninwè

2 Tiela' l-qerried għalik. Mur agħmel l-għassa mal-fortizzi tiegħek, żomm taħt għajnejk it-triq, ħażżem ġenbejk, saħħaħ u żid qawwietek.

4 Mimlija ħmura t-tarka tal-qalbiena tiegħu, liebsa s-suldati tiegħu l-iskarlatt, l-azzar tal-karrijiet in-nar itajjar huma u resqin għall-ħbit Isulu ż-żwiemel tagħhom fuq riġlejhom,

5 taqliba waħda l-karrijiet fit-toroq, u 'l hawn u 'l hemm fil-pjazez jiġġerrew, id-dehra tagħhom qisha torċi mqabbda, iżiġġu donnhom beraq.

6 L-aħjar suldati jiġu dlonk imsejħa, sarbut jaħbat ma' ieħor, ilebbtu lejn is-sur, il-post tal-kenn ġa mħejji.

7 Infetħu bwieb ix-xmajjar, imqalleb il-palazz taqliba waħda.

8 Lil sidtu 'l barra joħorġuha, u lsira jeżiljawha. Jolfqu l-qaddejja tagħha bħal tnehid il-ħamiem, u jagħtu fuq sidirhom.

9 Ninwè qisha għadira bl-ilmijiet tagħha ħierġa maħrubin. "Ieqfu! Ieqfu!" U ħadd ma jerġa' lura.

10 "Aħtfu l-fidda! Aħtfu d-deheb! Bla tarf huwa l-ġid tagħha, minn kull tagħmir prezzjuż issibu fiha!"

11 Ħerba, tiġrif u qerda! Qlub mifnija u rkupptejn imriegħda, tkexkix fil-ġenbejn kollha, u wiċċ kulħadd musfar.

### Tehdid kontra l-iljun ta' Assur

12 Fejn huwa għar l-iljuni, u fejn hi l-bejta ta' frieħ l-iljuni, fejn kien imur l-iljun, u jdaħħal hemm iż-żgħar bla ħadd ma jnaffru?

13 Hu kien iqatta' bċejjeċ għaż-żgħar tiegħu, kien jifga l-priża u jitma' n-nisa tiegħu, jimla l-ħofra bil-prejjeż, l-għar tiegħu bil-biċċiet li kien iqatta'.

14 Ara, jiena kontrik, oraklu tal-Mulej tal-eżerċti, il-karrijiet li għandek duħħan għad nagħmilhomlok; u frieħ l-iljuni tiegħek ix-xabla għad tikolhomlok; il-priża tiegħek mill-art għad neqridhielek; anqas qatt iżjed ma jinstama' leħen il-messaġġiera tiegħek!

## Naħum 3


© 2020 Malta Bible Society.

### Tehdid kontra Ninwè għal ħtijietha

1Hażin għal belt id-dmija, kollha qerq, mimlija ħtif, u s-serq ma jaqta' xejn.

2Ħoss il-frosta, ħoss it-tkarwit tar-roti, żwiemel ilebbtu ħfief, karrijiet jaqbżu,

3rikkieba jħebbu għall-għedewwa tagħhom, ix-xabla tleħħ fid-dija, il-lanza tilma,
kotra ta' midrubin, għadd kbir ta' maqtulin, iġsma bla tarf, kulħadd imfixkel jaqa'
fil-mejtin!

4Ħtija taż-żina kbir tal-mara żienja, sbuħitha ġmiel li jsaħħar: li jassret bosta
ġnus biż-żina tagħha, u qerdet popli sħaħ bis-seħer tagħha.

5Ara, jiena kontrik, oraklu tal-Mulej tal-eżerċti, jiena ntellagħlek djulek sa fuq
wiċċek, nikxef quddiem il-ġnus il-għera tiegħek f'wiċċ is-saltniet għawarek għad
inberraħ;

6inwaddab il-ħmieġ fuqek, u ġieħek inwaqqagħlek, u nagħmel wirja minnek.

7U jiġri mbagħad li min iħares lejk jitwarrab minnek, u jgħid: "Ninwè meqruda!
Min se jitħassarha? Mnejn infittxilha, min iħenn għaliha?"

8Jaqaw inti aħjar minn No-amon, li kienet f'xatt ix-xmara? Madwarha kellha l-
baħar, u bħal imramma tagħha kien il-baħar, b'sur tagħha l-ilmijiet,

9l-Etjopja l-qawwa tagħha, u hekk l-Eġittu, qawwa bla tarf; b'għajnuna kellha 'l
Put u n-nies tal-Libja.

10Iżd'hija wkoll inġarret lejn l-eżilju, marret itturufnata; u wliedha ż-żgħar ukoll
sefgħu mbiċċra fi ftuħ kull triq; għan-nobbli tagħha tefgħu x-xorti, u rabtu l-
kbarat tagħha lkoll bil-ktajjen.

11Għad inti wkoll tintilef minn sensik, u tkun mifnija għad inti wkoll tfittex xi
kenn mill-għadu.

### Għalxejn titħejja Ninwè

12Sarulek il-fortizzi kollha tiegħek siġar tat-tin, mimlija frott tal-bikri, malli
tħarrku, jaqa' f'ħalq min jieklu.

13Arah, il-poplu tiegħek; int nisa għandek fik! Infetħu beraħ bibien artek
quddiem l-għedewwa tiegħek; l-istaneg tiegħek mikulin min-nar.

14Aħseb biex taħżen l-ilma għall-assedju, mur saħħaħ il-fortizzi, agħġen it-tajn,
agħġen it-tafal, aqbad f'idejk il-forma tal-madum.

15Hemmhekk in-nar għad jieklok u s-sejf jeqirdek, jieklok bħall-ġradijiet. Tista'
toktor bħall-ġrad; tista' titkattar daqs l-urieżaq!

16Kabbart l-għadd tan-neguzjanti tiegħek aktar minn dak tal-kwiekeb tas-
smewwiet; imma l-ġrad joħroġ mill-fosdqa u jittajjar.


© 2020 Malta Bible Society.

[17]L-għassiesa bħall-urieżaq, l-uffiċjali tiegħek bħal sħab ta' ġradijiet, li jinżlu jgħammru fuq is-swar f'jum kiesaħ. Titla' x-xemx u l-ġrad itir u jaħrab, ma jkun magħruf minn ħadd 'il fejn imur. Fejn huma?

[18]Mela raqdu r-rgħajja tiegħek, sultan tal-Assirja? Il-kbarat tiegħek marret għajnhom bihom, xtered fuq il-muntanji l-poplu tiegħek, m'hemm ħadd li jerġa' jiġbru.

[19]Anqas għall-ħsara tiegħek m'hemm fejqan, il-ġerħa tiegħek ma tistax tagħlaqlek. Dawk kollha li jisimgħu bl-aħbar tiegħek jinfexxu jċapċpu jdejhom kontra tiegħek. Għax min hu dak li ma ħassux għaddej minn fuqu bla waqfien id-deni tiegħek?

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

# Habakkuk

## Ħabakkuk 1

1L-Oraklu li kellu f'dehra l-profeta Habakkuk

### Il-qerda tal-ġustizzja

2Mulej, kemm se ndum nokrob għall-għajnuna u int ma tismax! Jew ngħajjat: "Vjolenza!" u int ma ssalvax!

3Għaliex turini l-ħażen, u inti toqgħod tħares lejn il-ħtija? Quddiemi qerda u vjolenza, hemm it-tilwim, u l-ġlied dejjem jiżdied.

4U b'hekk il-liġi sfat mingħajr saħħa, qatt iżjed ma jsir ħaqq. Għax il-ħażin idur madwar il-ġust, għalhekk il-ħaqq li jsir ikun mgħawweġ.

### Il-Kaldin bħala kastig ta' Alla

5Itfgħu ħarstkom fuq il-ġnus, araw, stagħġbu, tbikkmu bl-għaġeb: għaliex fi żmienkom stess għad issir ħaġa li, jekk tingħad, ma temmnuhiex.

6Għax, ara, jiena nqajjem il-Kaldin, il-ġens qalil li jaħbat għal kulħadd, u jaqsam l-art fil-wisa' kollu tagħha, jaħtaf imkejjen mgħammra mhumiex tiegħu.

7Hu ġens li jwerwer, ta' min jibża' minnu; il-ħaqq u l-qerda skont kif jidhirlu hu.

8Iż-żwiemel tiegħu eħfef mil-ljupardi, eħrex mil-lpup ta' filgħaxija. Ilebbtu r-rikkieba tiegħu, ġejjin mill-bogħod ir-rikkieba tiegħu, itiru b'ħeffa t'ajkla tfittex l-ikel.

9Ilkoll kemm huma ġejjin għall-vjolenza, il-biża' ta' dehrithom jasal qabilhom; il-priġunieri jiġimgħuhom daqs ir-ramel.

10Dal-ġens iwaqqa' s-slaten għaż-żufjett, jidħak bil-prinċpijiet, jiddieħak b'kull fortizza, u jtalla' gzuz ta' terrapien u lilha jieħu!

11Imbagħad jonfoħ bħar-riħ u jibqa' għaddej, dal-ħati li qawwietu alla tiegħu!

### Il-ħruxija tal-għedewwa

12Jaqaw m'intix minn dejjem int, Mulej? M'intix Alla l-Qaddis tiegħi, li ma tmutx? Mulej, dan minnek sar, biex tagħmel ħaqq, u sħiħ daqs blata ridtu jkun, b'kastig!

13Int għajnejk safja wisq biex tara l-ħażen, inti ma tiflaħx tħares lejn id-deni; l-għala nies mill-agħar tħobb tagħti kashom, iżżomm is-skiet meta min hu ħażin jibla' lil min hu aktar minnu ġust?

14Int tagħmel il-bnedmin bħall-ħut tal-baħar, bħall-bhejjem ta' fuq l-art, bla sid għalihom.

15Huwa jtellagħhom kollha bis-sunnara, u, wara li jressaqhom bix-xbiek tiegħu, jiġborhom kollha bil-konz tiegħu: u b'hekk jithenna u jifraħ.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

16Għalhekk lix-xbiek joffrilu sagrifiċċju, jaħraq l-inċens quddiem il-konz tiegħu; għax bihom sehmu joktor u iklu jkun aktar utiq.

17Se jibqa' jferragħ ix-xibka tiegħu u joqtol il-ġnus bla waqfien?

## Ħabakkuk 2

### Il-ġust jgħix bil-fedeltà tiegħu

1Se noqgħod għassa f'posti, se nibqa' wieqaf fuq it-torri tiegħi, nistenna ħalli nara x'sejjer jgħidli, u kif se jwieġeb għall-ilmenti tiegħi.

2Imbagħad il-Mulej wieġeb: "Ikteb id-dehra," qalli, "onqoxha fuq tavlozzi, hekk li jkun jista' jħaffef min jaqraha.

3Għax id-dehra sseħħ meta jkun waqtha, tistenna se ma ttemm, u ma tqarraqx.
Jekk hija ddum ma tasal, int stennieha, għax tiġi żgur, ma tiddawwarx ma tasal!

4Arah jinfena min m'hux ruħu sewwa, iżda l-ġust jgħix bil-fedeltà tiegħu."

### Is-saħtiet kontra l-għadu

5Gwaj għall-bniedem qarrieq, u ma jkun qatt fis-sliem il-bniedem kburi, li jiftaħ ħalqu bħax-Xeol, u hu bħall-mewt, għaliex ma jixba' qatt; jiġma' għalih kull poplu, jiġbor għalih kull ġens!

6Tgħid huma lkoll ma jqabblulux taqbila, għanja niggieża, kliem joqgħodlu sewwa? U jgħidulu:

### L-ewwel saħta

"Ħażin għalih min jiġma' dak li mhux tiegħu (kemm se jdum?), min jgħabbi lilu nnifsu b'ħafna djun!"

7Mhux f'daqqa jqum min dejnek? Ma jistenbħux dawk li jġagħluk titriegħed, u ssir il-priża tagħhom?

8Talli ħarbatt il-ġid ta' bosta ġnus, il-popli l-oħra lkoll iħarbtu lilek; għad iħallsuk ta' demm in-nies li qridt, tad-deni li ġibt int fuq il-pajjiż u fuq il-belt u fuq kull min jgħammar fiha!

### It-tieni saħta

9Ħażin għalih min għal daru jagħmel xi qligħ miksub ħażin, biex il-bejta tiegħu jqiegħed fl-għoli, u hekk ma jħallihiex tintmess mill-ħsara.

10Qerried ta' bosta popli, b'għemilek stess waqqajt l-għajb fuq darek, u tlift lilek innifsek.

11Għaliex sal-ġebla minn ġol-ħajt għad tgħajjat, u travu mbagħad iwieġeb minn mas-saqaf.

### It-tielet saħta


© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

12Hażin għalih min jibni belt bid-demm, italla' belt fuq sisien il-ħażen!

13Jaqaw mhux mill-Mulej tal-qtajja' ġej, li l-popli jitgħabbew bix-xogħol għan-
nar, u l-ġnus jaħlu saħħithom għal xejn?

14Għax l-art kollha kemm hi għad tagħraf sewwa l-glorja tal-Mulej, bħalma hu
miksi l-baħar bl-ilmijiet!

**Ir-raba' saħta**

15Hażin għalih min jisqi l-proxxmu tiegħu, min iferragħlu s-semm sa jġagħlu
jisker, bil-ħsieb li jħares lejn għawaru!

16Int bl-għajb timtela u tixba', u mhux bil-ġieħ. Mel'ixrob int ukoll, ħa turi ruħek
bla ħtin! Għad idur lejk il-kalċi tal-id il-leminija tal-Mulej, u l-għajb jgħattilek
ġieħek.

17Id-deni li għamilt lil-Libanu għad jgħarraq lilek; il-qerda li ġibt inti fuq il-
bhejjem għad twerwer lilek; għad iħallsuk ta' demm in-nies li qridt, tad-deni li
ġibt int fuq il-pajjiż u fuq il-belt u fuq kull min jgħammar fiha.

**Il-ħames saħta**

18Xbieha minquxa x'fejda jkun hemm fiha biex min jonqoxha joqgħod
isawwarha? X'tiswa xbieha mdewba, u l-ħabbar giddieb, biex jista' jafda fiha min
jagħmilha u joqgħod jaħdem idoli mbikkmin?

19Hażin għalih min jgħid lil biċċa għuda: "Stenbaħ min-ngħas," jew: "Qum" lil
ġebla siekta! Dan hu t-tagħlim! Arah, xogħol intarsjat bid-deheb u l-fidda,
iżd'ebda nifs ta' ħajja m'hemm ġo fih.

20Iżda l-Mulej fit-tempju mqaddes tiegħu; iskot quddiemu, art, kollok kemm int.

# Ħabakkuk 3

**Sejħa għall-għajnuna tal-Mulej**

1Talba tal-profeta Habakkuk, fuq it-ton tal-għana ta' niket.

2Mulej, waslet f'widnejja l-fama tiegħek, mill-għemil tiegħek jiena bżajt, Mulej.
Sa ftit snin oħra ġeddu, sa ftit snin oħra għarrfu!' Fil-korla, ġib quddiem għajnejk
il-ħniena.

3Alla ġej minn Teman, mill-muntanja Faran ġej il-Qaddis. Sebħu jiksi s-
smewwiet, foħritu timla l-art.

4Dijietu qisha dawl ix-xemx, minn idu jleħħu r-raġġi: hemmhekk tinsab moħbija
l-qawwa tiegħu.

5Quddiemu timxi l-pesta, u wara passih jiġi d-deni,


© 2020 Malta Bible Society.

6 Jieqaf, u jriegħed l-art, iħares, u jkexkex il-ġnus: imbagħad il-muntanji dejjiema
jitqanqlu minn posthom, l-għoljiet ta’ żmien il-qedem jitbaxxew, triqatu sa minn
dejjem.

7 It-tined ta’ Kusan rajthom jitbeżżgħu, rajt l-għerejjex t’art Midjan jirtogħdu.

8 Jaqaw tixgħel il-korla tiegħek kontra x-xmajjar jew kontra l-baħar qilltek, meta
int, Mulej, tirkeb iż-żwiemel tiegħek u l-karru tar-rebħ tiegħek?

9 Terfa’ l-qaws tiegħek għeri, il-watar tiegħek timlieh sew bil-vleġeġ. Int tofroq l-
art bix-xmajjar,

10 jilmħuk il-muntanji, u jitheżżu; jitqalleb l-ilma b’saħħa kbira u jgħaddi; jgħajjat
l-abbiss u jerfa’ idejh fl-għoli.

11 Ix-xemx u l-qamar waqfu f’posthom, ħarbu kif raw ileħħu l-vleġeġ tiegħek, u l-
lanza tiegħek toħroġ dawl li jgħammex.

12 Int b’korla fuqek tgħaddi minn nofs l-art, u tgħaffeġ b’saħna l-ġnus.

13 Int ħriġt sabiex issalva l-poplu tiegħek, issalva l-midluk tiegħek. Dar il-ħażin
ġarraftha mill-quċċata, kxiftilha l-pedament sa deher il-blat.

14 Infidt bix-xettru tiegħek ras il-gwerriera tiegħu, li nxteħtu fuqi b’ferħ biex
jeqirduni, bħalkieku biex jibilgħu ’l min hu msejken, f’xi mkien fis-satra,

15 Għaddejt biż-żwiemel tiegħek fuq il-baħar, fuq it-tqalligħ tal-ilmijiet kotrana.

16 Jien smajt, u ħassejt fija rogħda kbira, għal dan il-ħoss xufftejja bdew jirtogħdu;
ħassejt għadmi jitmermer, passija bdew jitriegħdu taħti. Noqgħod bil-kwiet
nistenna Jum l-għawġ li għad ifeġġ għall-ġens li qed jisħaqna.

17 U mqar jekk ebda nwar ma trodd it-tina, u xejn ma jagħtu d-dwieli u l-frott tas-
siġar taż-żebbuġ iqarraq, u r-raba’ xejn ma jibqa’ jrodd għall-ikel, u l-merħla
tgħib mill-mandra, u bhejjem ma jkunx hemm fl-istalel tagħhom,

18 jien xorta waħda nifraħ fil-Mulej, nithenna f’Alla, is-salvazzjoni tiegħi!

19 Il-Mulej Sidi huwa l-qawwa tiegħi; riġlejja jagħmilhomli bħal taċ-ċriev u fuq l-
għoljiet jeħodni. Lill-mexxej tal-kor; bid-daqq tal-kordi.


© 2020 Malta Bible Society.

## Sofonija 1

1Il-kelma tal-Mulej li ġiet lil Sofonija bin Kusi, bin Gedalija, bin Amarija, bin Ħeżekija, fi żmien Ġosija bin Amon, sultan ta' Ġuda.

### Jum il-Mulej f'Ġuda

2"Se niknes kollox minn fuq wiċċ l-art," oraklu tal-Mulej,

3"bnedmin u bhejjem neqred, neqred it-tjur tas-sema u l-ħut tal-baħar, u n-nies il-ħżiena nġibhom fix-xejn; inqaċċat il-bniedem minn fuq wiċċ l-art," oraklu tal-Mulej.

4"Idi tilħaq lil Ġuda, u lin-nies kollha ta' Ġerusalemm. U minn dal-post inqaċċat kulma għad hawn minn Bagħal, sal-istess isem tal-qassisin tiegħu;

5u 'l dawk li fuq il-bjut jaduraw lill-eżerċtu tas-smewwiet; lil dawk li jaduraw, iva, lill-Mulej, imma jaħilfu bl-isem ta' Milkom;

6lil dawk li ma baqgħux wara l-Mulej, lil dawk li xejn ma jfittxu lill-Mulej, xejn ma jqisuh."

7Il-Mulej Sidi, żommu s-skiet quddiemu, għaliex Jum il-Mulej jinsab fil-qrib. Għax il-Mulej ġa ħejja s-sagrifiċċju, u ġa qaddishom il-mistiedna tiegħu.

8U f'jum is-sagrifiċċju tal-Mulej, jiġri li "Nikkastiga l-kapijiet u wlied is-slaten, dawk kollha lebsin bħall-barranin.

9Dakinhar, iva, jien nikkastiga 'l kull min jaqbeż l-għatba, u 'l min id-dar ta' sidu bil-vjolenza u l-qerq jimlieha."

10"U jiġri dakinhar," oraklu tal-Mulej, "illi minn Bieb il-Ħut tinstema' għajta, u tasal karba mill-Kwartier il-Ġdid, u ħoss tal-għaġeb jiġi mill-għoljiet.

11Okorbu, nies li tgħammru fil-Maktes, għax ġens in-neguzjanti kollu nqered, u kollha tqaċċtu dawk li jiżnu l-fidda!

12U jiġri f'dak iż-żmien, f'Ġerusalemm, nagħmel tfittxija kif imiss bid-dawl, u nikkastiga n-nies li, inkallati fit-tartru maħmuġ tagħhom, joqogħdu jgħidu f'qalbhom: 'Ma jagħmel il-Mulej la ġid, lanqas deni!'

13Ġidhom għad jisirquhulhom, djarhom isiru ħerba; jibnu djar, iżda ma jgħammrux fihom; iħawlu dwieli, u nbid ma jeħdux minnhom."

### Jum il-Mulej

14Il-Jum il-kbir tal-Mulej fil-qrib! Fil-qrib, u riesaq b'ħeffa liema bħalha! Jum il-Mulej l-għajta tiegħu twerwrek, tintrafa' mbagħad bħal għajta ta' gwerrier.


© 2020 Malta Bible Society.

15Hu jum ta' korla dak il-Jum, jum ta' dwejjaq u niket, jum ta' qerda u diqa, jum
ta' dlam u swied, jum imsaħħab u ta' ċpar magħqud;

16il-jum għad-daqq tat-tromba u għall-għajjat tal-gwerra kontra l-ibliet fortizzi
u s-swar għoljin.

17U jiena nibgħat dwejjaq fuq in-nies, u jterrqu qishom għomja, għax ħtew
kontra l-Mulej. Demmhom bħat-trab jixxerred, u l-iġsma tagħhom jintremew
bħaż-żibel.

18La l-fidda tagħhom lanqas dehebhom ma jkun jista' jeħlishom f'jum il-korla tal-
Mulej. Fin-nar imħeġġeġ ta' qilltu tintemm l-art kollha, għax qerda jagħmel, u
tassew tal-għaġeb, minn kull min jgħammar fl-art.

## Sofonija 2

### Stedina għall-konverżjoni

1Inġemgħu, inġabru, ġens bla misthija,

2qabel ma tkunu misħuqin bħall-karfa wara jum xogħol; qabel ma l-korla
mħeġġa tal-Mulej tilħaqkom; qabel ma jum il-korla tal-Mulej jasal għal fuqkom.

3Fittxu l-Mulej ilkoll, intom, l-umli tal-art, li tagħmlu ordnijietu; fittxu l-ġustizzja,
fittxu l-umiltà: biex forsi f'jum il-korla tal-Mulej ikollkom fejn tistkennu.

### L-għadu mill-Punent: il-Filistin

4Għax Gaża għad tkun ħerba, u Askalon deżert; Asdod titkeċċa 'l barra
f'nofsinhar, Għekron titqaċċat.

5Ħażin għalikom, nies ta' qrib il-baħar, ġens tal-Keretin! Din hija kelmet il-Mulej
kontrikom: "Għad inbaxxik, art tal-Filistin, neqirdek qerda, hekk li ma jibqa'
ħadd min jgħammar fik,

6u ssir mergħat, fejn biss rgħajja jirgħu, art ta' qrib il-baħar, u mnadar għall-
imrieħel."

7U ssir tal-bqija ta' dar Ġuda x-xtajta, u jirgħu fiha, imbagħad għal filgħaxija
jimteddu ġewwa d-djar ta' Askalon. Għax il-Mulej iżurhom, Alla tagħhom, u
jreġġagħhom għal li kienu.

### L-għadu mil-Lvant: Mowab u Għammon

8"Smajt lil Mowab imaqdar, smajt iż-żeblieħ ukoll ta' wlied Għammon, kif maqdru
l-poplu tiegħi u tkabbru kontra arthom.

9Għalhekk, daqs kemm jien ħaj," oraklu tal-Mulej tal-eżerċti, Alla ta' Iżrael, "għax
bħal Sodoma jiġri lil Mowab, u bħal Gomorra lil ulied Għammon: isiru għalqa bil-
ħurrieq miżgħuda, u moxa kollha melħ, ħerba għal dejjem. Fdal il-poplu tiegħi
jeħduhom bi priża; u l-bqija ta' ġensi jiksbuhom bħala wirt."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[10]Jiġrilhom dan minħabba t-tkabbir tagħhom, għax huma maqdru u tkabbru
kontra l-poplu tal-Mulej tal-eżerċti.

[11]Tal-biża' jkun għalihom il-Mulej, għax kollha jtemmhom lill-allat tal-art,
jinxteħtu jqimuh, kulħadd fi mkienu, il-gżejjer kollha tan-nazzjonijiet.

### L-għadu min-Nofsinhar: l-Etjopja

[12]Intom ukoll, ja poplu ta' Kus: "Ikunu dawn minfuda mis-sejf tiegħi."

### L-għadu mit-Tramuntana: l-Assirja

[13]U jifrex idu lejn it-Tramuntana: u jeqred lil Assirja; u jagħmel ħerba waħda
minn Ninwè, art niexfa bħad-deżert.

[14]Ġo nofsha mbagħad jimteddu fl-art l-imrieħel u bhejjem ta' kull ġens: sal-
pellikan u sal-qanfud jgħammru fil-kapitelli tagħha; il-barbaġann fit-tieqa
jsamma' leħnu, l-għorab fuq l-għatba, għaliex l-injam taċ-ċedru nqala' minnha.

[15]Din hija l-belt ferrieħa u b'moħħ mistrieħ, li f'qalbha kienet tgħid, "Jien biss,
ħadd ħliefi"! Kif saret ħerba, fejn jimteddu l-bhejjem! Kull min minn ħdejha
jgħaddi jaqbad isaffar u idu jxejjer lejha.

## Sofonija 3

### Kontra l-poplu ta' Iżrael

[1]Hażin għaliha għar-ras iebsa tagħha, għat-tinġis tagħha, il-belt li taħqar!

[2]Għas-sejħa ma tatx widen, lanqas ma qagħdet għat-twiddib li kellha; hi ma
riditx tittama fil-Mulej, lanqas ma resqet lejn Alla tagħha.

[3]Il-kbarat tagħha f'nofsha ljuni jgħajtu: l-imħallfin tagħha lpup ta' filgħaxija, li
ma jħallux xi jgerrmu sa filgħodu;

[4]fiergħa l-profeti tagħha, nies qarrieqa; il-qassisin tagħha s-santwarju
jipprofanaw, u jiksru l-liġi.

[5]Il-Mulej ġust f'nofsha, ma jagħmel ebda ħażen; ta' kull filgħodu jxandar il-
ġustizzja tiegħu, bħas-sebħ hu ma jonqosx; imma l-ħażin ma jaf b'ebda mistħija.

### Il-ġnus jieħdu tagħlima

[6]"Jiena qaċċatt il-ġnus, saru l-gardjoli tagħhom ħerba waħda, ħarbatt it-triqat
tagħhom, bla ħadd ma jgħaddi minnhom; inqerdu bliethom, bla ebda ruħ u ħadd
ma jgħammar fihom.

[7]Għedt jiena: 'Issa żgur se tibża' minni, tilqa' t-twiddib, u minn quddiem
għajnejha ma jitneħħiex dak kollu li bih żortha.' Iżd'huma minnufih ħassru
għemilhom kollu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

8“Għalhekk, stennewni, oraklu tal-Mulej, għal dakinhar li fih inqum biex nixhed;
għaliex hu digriet tiegħi li jien niġbor il-ġnus, niġma’ s-saltniet, sabiex il-qilla
tiegħi nixħet fuqhom, nixħet ix-xrar tal-għadab kollu tiegħi, għax f’nar il-korla
għajjura tiegħi l-art kollha għad tintemm.

### Il-pagani jikkonvertu

9“Għax jiena mbagħad lill-popli nerġa’ nagħtihom diskors bla qerq, biex isem il-
Mulej ilkoll isejħu, jaqduh qalb waħda.

10Mix-xtajta l-oħra tax-xmajjar f’Kus sat-truf tat-Tramuntana, jadurani l-poplu
mxerred tiegħi u jġib l-offerta tal-qmuħ tiegħu.

### Il-fdal umli ta’ Iżrael

11“Int ma tibqax imħawda dakinhar għall-għemil kollu tiegħek li bih qomt
kontrija, għax jiena mbagħad inneħħi minn ġo nofsok lil dawk fost niesek li jsibu
l-hena tagħhom fil-kburija; u int ma żżidx titkabbar fuq l-għolja mqaddsa tiegħi.

12U nħalli f’nofsok poplu umli u mċekken. U f’isem il-Mulej ifittxu l-kenn

13dawk li jifdal minn Iżrael. Ma jagħmlux ħażen, ma jgħidux kliem b’ieħor, u lsien
qarrieq ma jibqax iżjed f’fommhom, hekk li joqogħdu jirgħu u jistrieħu bla ma
jbeżżagħhom ħadd.”

### Innu ta’ ferħ lil Sijon

14Għajjat bil-ferħ ta’ qalbek, bint Sijon, Iżrael, samma’ leħnek! Infexx fl-hena u
ifraħ b’qalbek kollha, bint Ġerusalemm!

15Neħħa l-Mulej minn fuqek is-sentenza li kellek kontrik, keċċa l-għedewwa
tiegħek. Is-sultan t’Iżrael, il-Mulej, hu f’nofsok; ma jkollokx iżjed ħsara minn xiex
tibża’.

16Dakinhar jgħidu lil Ġerusalemm: “Tibżax, Sijon, tħallix idejk jintelqu:

17il-Mulej, Alla tiegħek, qiegħed f’nofsok, gwerrier li jsalva; minħabba fik
jithenna b’hena kbir, fi mħabbtu jġeddek, jinfexx minħabba fik f’għajjat ta’ ferħ,

18bħalkieku f’jum ta’ festa. Il-ħsara nwarrab minnek, biex bl-għajb tiegħek ma
tibqax mgħobbija.

19Ara, jien nagħmel qerda dakinhar minn kull min ħaqrek, u nsalva ’l dawk li
għotru, u nerġa’ nsejjaħ lejja l-imkeċċija, inqegħedhom għat-tifħir, nagħmlilhom
isem fl-art kollha, u rreġġagħhom għal li kienu.

20Jien f’dak iż-żmien inġibkom, u f’dak iż-żmien niġmagħkom, u nagħtikom isem
fost il-popli kollha tal-art u dawn ifaħħrukom u rreġġagħkom għal li kontu
quddiem għajnejkom stess,” jgħid il-Mulej.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

## Ħaggaj 1

### It-tempju jinbena mill-ġdid

1Fit-tieni sena tas-sultan Dariju, fis-sitt xahar, fl-ewwel tax-xahar, il-Mulej,
permezz tal-profeta Haggaj, kellem lill Żerubbabel bin Sijaltijel, gvernatur ta'
Ġuda, u lil Ġożwè bin Ġeħosadak, il-qassis il-kbir, u qalilhom:

2"Dan jgħid il-Mulej tal-eżerċiti: 'Dan il-poplu jgħid: It-tempju tal-Mulej għad ma
wasallux iż-żmien li jinbena mill-ġdid!' "

3U l-Mulej tkellem permezz tal-profeta Haggaj u qal:

4"Jaqaw għalikom huwa issa l-waqt li intom tgħammru fi djarkom imsaqqfa
waqt li din id-dar għadha ħerba?"

5U issa dan jgħid il-Mulej tal-eżerċiti: "Ġibu quddiem għajnejkom minn xiex
għaddejtu!

6Bosta żrajtu, imma ftit ħżintu; kiltu, u m'hemmx li tiskru; ilbistu, u m'hemmx li
tisħnu; u l-ħaddiem mikri jqiegħed ħlasu f'but imtaqqab."

7Dan jgħid il-Mulej tal-eżerċiti: "Ġibu quddiem għajnejkom minn xiex għaddejtu!

8Itilgħu fuq il-muntanja, ġibu l-injam u ibnu d-dar, u jien nitgħaxxaq biha u
nissebbaħ fiha," jgħid il-Mulej.

9"Stennejtu li jkollkom ħafna, u ara, ftit kellkom; u meta ħżintuh fi djarkom, jiena
nfaħt u tajjarthulkom. Għaliex? Oraklu tal-Mulej tal-eżerċiti: Għax hi dari li hi
ħerba, waqt li intom kull wieħed minnkom iħaffef lejn daru.

10Kien għalhekk li fuqkom ingħalqu s-smewwiet u ma tawx nida, u l-art
ċaħditilkom il-frott.

11U jien sejjaħt in-nixfa fuq l-art, fuq il-muntanji, fuq il-qamħ, fuq l-inbid ġdid,
fuq iż-żejt, fuq dak li trodd l-art, fuq il-bnedmin u fuq il-bhejjem, fuq kulma
jmissu l-idejn."

12Imbagħad Żerubbabel bin Sijaltijel, u Ġożwè bin Ġeħosadak, il-qassis il-kbir, u
l-bqija tal-poplu kollu, semgħu s-sejħa tal-Mulej, Alla tagħhom, u l-kliem tal-
profeta Haggaj, kif bagħtu l-Mulej, Alla tagħhom. U l-poplu beża' mill-Mulej.

13U Haggaj, il-messaġġier tal-Mulej, wassal lill-poplu l-messaġġ tal-Mulej u
qalilhom: "Jiena magħkom, oraklu tal-Mulej."

14U l-Mulej qajjem l-ispirtu ta' Żerubbabel bin Sijaltijel, gvernatur ta' Ġuda, u l-
ispirtu ta' Ġożwè bin Ġeħosadak, il-qassis il-kbir, u l-ispirtu tal-bqija tal-poplu
kollu, u ġew u qabdu x-xogħol fid-dar tal-Mulej tal-eżerċti, Alla tagħhom,


© 2020 Malta Bible Society.

15fl-erbgħa u għoxrin jum tas-sitt xahar.

## Ħaggaj 2

### Il-glorja tat-tempju

1Fit-tieni sena tas-sultan Dariju, fis-seba' xahar, fil-wieħed u għoxrin tax-xahar,
ġiet il-kelma tal-Mulej permezz ta' Ħaggaj, il-profeta, u qallu:

2"Isa, mur kellem lil Żerubbabel bin Sijaltijel, gvernatur ta' Ġuda, u lil Ġożwè bin
Ġeħosadak, il-qassis il-kbir, u lill-bqija tal-poplu, u għidilhom:

3Min għad baqa' fostkom li ra dan it-tempju fil-glorja li kellu qabel? U issa kif
qegħdin tarawh? F'għajnejkom mhux forsi qisu xejn?

4Imma issa qawwi qalbek, Żerubbabel, oraklu tal-Mulej, qawwi qalbek, Ġożwè
bin Ġeħosadak, il-qassis il-kbir; qawwi qalbek, poplu tal-pajjiż, oraklu tal-Mulej.
Aqbdu aħdmu, għax jiena magħkom, oraklu tal-Mulej tal-eżerċti. Il-kelma li biha
ntrabbatt magħkom fi ħruġkom mill-Eġittu,

5u l-ispirtu tiegħi, jibqgħu f'nofskom: la tibżgħux!"

6Għax hekk jgħid il-Mulej tal-eżerċti: "Dalwaqt, ftit ieħor biss, u jiena nheżżeż is-
smewwiet u l-baħar u l-blat,

7u nqanqal il-ġnus kollha, u l-ġid kollu tal-popli jiġi kollu hawn, u nimla dan it-
tempju bil-glorja," jgħid il-Mulej tal-eżerċti.

8"Tiegħi l-fidda u tiegħi d-deheb, oraklu tal-Mulej tal-eżerċti.

9Il-glorja tal-aħħar ta' dan it-tempju tkun akbar minn ta' qabel," jgħid il-Mulej
tal-eżerċti, "u f'dan il-post jiena nagħti s-sliem," oraklu tal-Mulej tal-eżerċti.

### Mistoqsija lill-qassisin

10Fid-disa' xahar tat-tieni sena ta' Dariju, fl-erbgħa u għoxrin tax-xahar, ġiet il-
kelma tal-Mulej lill-profeta Ħaggaj u qallu:

11"Dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti: Mur staqsi lill-qassisin huma x'jidhrilhom skont
il-liġi u għidilhom:

12Jekk wieħed jerfa' djul il-libsa tiegħu biex iġorr laħam imqaddes fih, u
mbagħad b'dak id-djul il-libsa jmiss il-ħobż, jew xi tisjir, jew l-inbid, jew iż-żejt,
jew kull xorta ta' ikel, dan jitqaddes?" U wieġbu l-qassisin u qalu: "Le."

13Raġa' Ħaggaj qalilhom: "Jekk wieħed jitniġġes għax ikun mess ġisem mejjet, u
mbagħad imiss xi ħaġa minn dawn, din titniġġes?" U wieġbu l-qassisin u qalu:
"Titniġġes."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

14 U qabad Ħaggaj u qal: "Hekk hu dan il-poplu, u hekk hu dan il-ġens quddiemi, oraklu tal-Mulej, u hekk hi kull ħaġa li jagħmlu b'idejhom. U kulma joffru hemm huwa mniġġes.

### Wegħda ta' żmien aħjar għar-raba'

15 "U issa ġibu quddiem għajnejkom, mil-lum 'il quddiem: qabel ma tqiegħdet ġebla fuq ġebla fis-santwarju tal-Mulej,

16 x'kontu intom? Wieħed kien jiġi għal munzell ta' għoxrin qatta, u jsib għaxra; kien jiġi fuq il-magħsar biex jimla ħamsin bettija, u jsib għal għoxrin.

17 Il-ħidma ta' idejkom jiena kollha ħassarthielkom bir-riħ mil-Lvant u bis-sadid, u bis-silġ. Iżda ma kienx hemm li terġgħu lura lejja, oraklu tal-Mulej.

18 U issa ġibu quddiem għajnejkom, mil-lum 'il quddiem, il-jum erbgħa u għoxrin tad-disa' xahar, mill-jum li fih tqiegħdu s-sisien tas-santwarju tal-Mulej: ġibu quddiem għajnejkom

19 jekk għadx baqa' qamħ fil-maħżen, u jekk id-dielja u t-tina u r-rummiena u ż-żebbuġa għadhomx jagħmlu frott! Mil-lum stess jiena nibda nbierek."

### Wegħda lil Żerubbabel

20 Fl-erbgħa u għoxrin tax-xahar għat-tieni darba l-Mulej kellem lil Ħaggaj u qallu:

21 "Kellem lil Żerubbabel, gvernatur ta' Ġuda, u għidlu: Jiena se nheżżeż is-smewwiet u l-art,

22 naqleb it-tron tas-saltniet u neqred il-qawwa tas-slaten tal-ġnus, naqleb il-karru u r-rikkieb tiegħu u jaqgħu ż-żwiemel u r-rikkieba tagħhom, kull wieħed bis-sejf ta' sieħbu.

23 F'dak il-jum, oraklu tal-Mulej tal-eżerċti, jien nieħu lilek, Żerubbabel bin Sijaltijel, qaddej tiegħi, oraklu tal-Mulej tal-eżerċti, u nagħmlek bħal siġill, għax lilek għażilt." Oraklu tal-Mulej tal-eżerċti.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

# Żakkarija 1

### Sejħa għall-konverżjoni

1Fit-tmien xahar tat-tieni sena ta' Dariju, il-kelma tal-Mulej ġiet lill-profeta Żakkarija bin Barakija, bin Għiddu, u qallu:

2"Il-Mulej saħan bil-kbir għal missirijietkom.

3Mela mur għidilhom: Hekk jgħid il-Mulej tal-eżerċti: Erġgħu duru lejja, oraklu tal-Mulej tal-eżerċti, u jiena nerġa' ndur lejkom, jgħid il-Mulej tal-eżerċti.

4Tkunux bħal missirijietkom, li l-profeti tal-imgħoddi kienu sejħulhom u qalulhom: 'Hekk jgħid il-Mulej tal-eżerċti: Mhux li kontu dduru lejja mit-triqat il-ħżiena tagħkom u mill-għemejjel il-ħżiena tagħkom!' Iżda huma ma semgħux, u widen ma tawnix, oraklu tal-Mulej.

5Fejn huma issa missirijietkom? U jaqaw il-profeti tagħkom għal dejjem se jgħixu?

6Iżda kliemi u l-ordnijiet tiegħi, li jien kont ordnajt lill-qaddejja tiegħi l-profeti, jaqaw lil missirijietkom ma laħquhomx? Għalhekk huma sogħob bihom u qalu: Il-Mulej tal-eżerċti qatagħha li jġib ruħu magħna skont it-triqat u l-għemejjel tagħna; u hekk għamel!"

### L-ewwel dehra: ir-rikkieba

7Fl-erbgħa u għoxrin jum tal-ħdax-il xahar, li hu x-xahar ta' Xebat, fit-tieni sena ta' Dariju, il-kelma tal-Mulej waslet lill-profeta Żakkarija bin Barakija, bin Għiddu; waslitlu hekk:

8Kelli dehra billejl, u ara, kien hemm raġel riekeb fuq żiemel aħmar. Kien wieqaf qalb ix-xtieli tar-riħan li kienu fil-wied, u warajh kien hemm żwiemel ħomor, qastnin u bojod.

9U jien għedt: "Dawn x'inhuma, sidi?" U qalli l-anġlu li kien kellimni: "Jiena nurik dawn x'inhuma."

10Imbagħad ir-raġel li kien wieqaf qalb ix-xtieli tar-riħan wieġeb u qal: "Dawn huma dawk li l-Mulej bagħathom biex jiġġerrew 'l hawn u 'l hemm fuq l-art."

11U huma qabdu u qalu lill-anġlu tal-Mulej li kien wieqaf qalb ix-xtieli tar-riħan: "Aħna morna niġġerrew mal-art, u ara, l-art kollha kwieta u siekta."

12U l-anġlu tal-Mulej qabad u qal: "Mulej tal-eżerċti, kemm se ddum ma tħenn għal Ġerusalemm u għall-ibliet ta' Ġuda li għalihom ilek inkurlat sebgħin sena sħaħ?"


© 2020 Malta Bible Society.

13U l-Mulej wieġeb bil-ħlewwa u bi kliem ta' faraġ lill-anġlu li kien tkellem miegħi.

14Imbagħad l-anġlu li kien tkellem miegħi qalli: "Mur xandar u għid: 'Dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti: Jiena għajjur fuq li għajjur għal Ġerusalemm u għal Sijon;

15iżda mgħaddab għall-aħħar għall-ġnus li, bla ma ħabblu rashom minn xejn, mexxew il-ħsara 'l quddiem, imqar meta jien kont inkurlat ftit.'

16Mela hekk jgħid il-Mulej: "Fil-ħniena tiegħi nerġa' ndur lejn Ġerusalemm; it-tempju tiegħi jerġa' jinbena fiha, oraklu tal-Mulej tal-eżerċti, u l-ħabel tal-kejl ikun mifrux fuq Ġerusalemm!"

17Żid xandar u għid: "Dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti: L-ibliet tiegħi għad jerġgħu jfuru bil-ġid. U l-Mulej jerġa' jħenn għal Sijon u mill-ġdid jaħtar lil Ġerusalemm!"

# Żakkarija 2

### It-tieni dehra: il-qrun u l-ħaddieda

1Imbagħad erfajt għajnejja u ħarist, u ara, kien hemm erbat iqrun.

2U jiena għedt lill-anġlu li kien kellimni: "Dawn x'inhuma?" U hu weġibni: "Dawn huma l-qrun li xerrdu lil Ġuda, lil Iżrael u 'l Ġerusalemm".

3Imbagħad il-Mulej urieni erba' ħaddieda.

4"Dawn x'ġejjin jagħmlu?" għedt jien. U hu wieġeb u qal: "Dawn huma l-qrun li xerrdu 'l Ġuda, hekk li ħadd ma rafa' rasu; u dawn ġew biex ibeżżgħuhom, ħalli jkeċċu l-qrun tal-ġnus li refgħu qrunhom għall-art ta' Ġuda biex ixerrduha."

### It-tielet dehra: il-kejjiel

5Imbagħad erfajt għajnejja u ħarist, u ara kien hemm raġel li f'idu kellu ħabel biex iqis.

6U jien għedtlu: "Fejn inti sejjer?" U hu weġibni: "Sejjer inqis 'il Ġerusalemm, biex nara kemm hu l-wisa' tagħha u kemm hu t-tul tagħha."

7U ara, l-anġlu li kien kellimni waqaf u anġlu ieħor resaq jiltaqa' miegħu.

8U dak qallu: "Iġri, kellem lil dak iż-żagħżugħ u għidlu: 'Ġerusalemm tkun mgħammra bħal bliet mingħajr swar, daqs kemm ikun hemm nies u bhejjem ġo fiha.'

9U jien inkun għaliha, oraklu tal-Mulej, ħajt tan-nar madwarha, u nkun is-sebħ tagħha f'nofsha."

### Żewġ sejħat lill-itturufnati

10Isaw! Isaw! Aħirbu mill-art tat-Tramuntana, oraklu tal-Mulej, għax jien ferrixtkom mal-erbat irjieħ tas-sema, oraklu tal-Mulej.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

11Isa, Sijon, aħrab, int li tgħammar f'Babilonja!

12Għax hekk qal il-Mulej tal-eżerċti, wara li l-Glorja tiegħu bagħtitni għand il-
ġnus li ħatfulkom kollox; għax min imiss lilkom imiss il-mimmi ta' għajnejh:

13"Ara, se nerfa' idi fuqhom, u jsiru priża tal-ilsiera tagħhom." U intom tagħrfu li
l-Mulej tal-eżerċti bagħatni.

14Għajjat bil-ferħ u infexx fl-hena, bint Sijon, għaliex arani ġej biex ngħammar
f'nofsok, oraklu tal-Mulej,

15u kotra kbira ta' ġnus jingħaqdu dakinhar mal-Mulej; u huma jkunu l-poplu
tiegħi. U jiena ngħammar f'nofsok; imbagħad inti tagħraf li l-Mulej tal-eżerċti
bagħatni għandek.

16U l-Mulej jieħu 'l Ġuda bħala sehmu mill-wirt fl-Art Imqaddsa, u jerġa' jaħtar
lil Ġerusalemm!

17Żommu s-skiet quddiem il-Mulej, intom il-ħajjin ilkoll, għax stenbaħ mill-
għamara mqaddsa tiegħu!

## Żakkarija 3

### Ir-raba' dehra: l-ilbies ta' Ġożwè

1Imbagħad urieni 'l Ġożwè, il-qassis il-kbir, wieqaf quddiem l-anġlu tal-Mulej, u
x-Xitan bilwieqfa n-naħa tal-lemin tiegħu biex jixlih.

2U l-anġlu tal-Mulej qal lix-Xitan: "Jalla l-Mulej irażżnek, Xitan! Irażżnek il-Mulej
li ħatar 'il Ġerusalemm! Jaqaw dan mhux qisu ħatba mkebbsa meħuda min-nar?"

3Issa Ġożwè, waqt li kien bilwieqfa quddiem l-anġlu, kien liebes ħwejjeġ
maħmuġa.

4U l-anġlu qabad u kellem lil dawk li kienu bilwieqfa quddiemu u qalilhom:
"Neħħulu l-ħwejjeġ maħmuġa minn fuqu." U lilu qallu: "Ara, neħħejtlek ħżunitek
minn fuqek; ħa jlibbsuk issa lbies prezzjuż."

5U kompla jgħidilhom: "Qegħdulu turbant nadif fuq rasu." U huma qegħdulu
turbant nadif fuq rasu u xiddewlu l-ilbies. L-anġlu tal-Mulej kien hemm
bilwieqfa.

6U l-anġlu tal-Mulej wissa lil Ġożwè u qallu:

7"Hekk jgħid il-Mulej tal-eżerċti: 'Jekk int timxi fi triqati, u jekk tħares il-preċetti
tiegħi, hekk ukoll tmexxi lil dari, u jkollok il-btieħi tiegħi taħt il-ħarsien tiegħek;
u jiena nagħtik li tgħaddi fost dawk li huma weqfin hawn.

### Il-miġja tar-Rimja

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

8“Issa isma’, Ġożwè, qassis il-kbir, int u sħabek li qegħdin quddiemek, għax huma
awgurju għall-ġejjieni. Għax ara, se nġib il-qaddej tiegħi, ir-Rimja.

9Għax ara, il-ġebla li jien qegħedt quddiem Ġożwè; fuq din il-ġebla waħda ta’
seba’ għajnejn, ara, se nonqox it-tinqix tagħha, oraklu tal-Mulej tal-eżerċti, u
f’jum wieħed inneħħi l-ħażen ta’ din l-art.

10F’dak il-jum, oraklu tal-Mulej tal-eżerċti, intom tistiednu ’l xulxin taħt id-dielja
u taħt it-tina tagħhom.”

## Żakkarija 4

### Il-ħames dehra: l-imnara u s-siġar taż-żebbuġ

1U l-anġlu li kien ikellimni raġa’ qajjimni bħal meta bniedem jistenbaħ min-
ngħas tiegħu.

2U qalli: “X’inti tara?” “Ara,” għedtlu jien, “qed nilmaħ imnara kollha kemm hi
tad-deheb, u bieqja fuq il-quċċata tagħha, u seba’ msiebaħ fuqha, b’seba’
żennuniet għall-imsiebaħ ta’ fuqha;

3u wkoll żewġ siġriet taż-żebbuġ maġenbha, waħda fuq il-lemin tal-imnara u l-
oħra fuq ix-xellug tagħha.”

4U qbadt ngħid lill-anġlu li kien ikellimni: “Dawn x’inhuma, sidi,” għedtlu.

5U l-anġlu li kien ikellimni qabad u qalli: “Ma tafx x’inhuma dawn?” “Le, sidi,”
għedtlu jien.

6Imbagħad weġibni u qalli: “Din hi l-kelma tal-Mulej dwar Żerubbabel: La bil-
ħila u lanqas bil-qawwa, imma bl-ispirtu tiegħi, qal il-Mulej tal-eżerċti.

7Int x’int, muntanja kbira? Quddiem Żerubbabel issir wita! U huwa joħroġ il-
ġebla ta’ fuq nett fost l-għajjat ta’ ‘Xi ġmiel! Xi ġmiel!’ ”

8U waslitli l-kelma tal-Mulej, hekk:

9“Idejn Żerubbabel qiegħdu s-sisien ta’ dan it-tempju, u idejh iwassluh sat-
tmiem. U intom tagħrfu li l-Mulej tal-eżerċti bagħatni għandkom.

10Għax dawk li maqdru l-jum tal-ħwejjeġ ta’ xejn, għad jifirħu xħin jaraw iċ-ċomb
tal-qjies f’id Żerubbabel. “Dawn is-sebgħa huma għajnejn il-Mulej, li jiġru mal-
art kollha.”

11U jien staqsejtu: “X’inhuma dawn iż-żewġ siġriet taż-żebbuġ li hawn fuq il-
lemin u fuq ix-xellug tal-imnara?”

12“U x’inhuma,” tennejt nistaqsih, “iż-żewġ frieġħi taż-żebbuġ li hemm maġenb
iż-żewġ kanen tad-deheb li minnhom qed jitferragħ iż-żejt?”

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

13Weġibni u qalli "Ma tafx x'inhuma dawk?" "Le, sidi," għedtlu.

14"Dawn," qalli, "huma ż-żewġ Midlukin biż-żejt li hemm wieqfa quddiem Sid l-
art kollha."

# Żakkarija 5

### Is-sitt dehra: il-ktieb itir

1U rġajt erfajt għajnejja, u ara, nilmaħ ktieb itir!

2"X'inti tara?" qalli. "Qed nara ktieb itir," weġibtu, "it-tul tiegħu hu ta' għoxrin
driegħ, u l-wisa' għaxra."

3Imbagħad qalli: "Din hi s-saħta ħierġa fuq wiċċ il-pajjiż kollu; għaliex skont ma
hemm fiha, kull ħalliel għad jinqered minn hawn; skont ma hemm fiha, kull min
jaħlef falz għad jinqered minn hawn.

4Kont jien li ħriġt din is-saħta, oraklu tal-Mulej tal-eżerċti, u hi se tidħol f'dar il-
ħalliel u f'dar min jaħlef b'ismi fil-falz, u tibqa' ġo daru, u ttemm lilha u l-injam
tagħha u l-ġebel tagħha."

### Is-seba' dehra: il-mara fl-efa

5Imbagħad l-anġlu li kien ikellimni resaq u qalli: "Issa erfa' ħarstek u ara x'inhi
dil-ħaġa li riesqa."

6"X'inhi?" staqsejtu. U hu weġibni: "Din li ħierġa hija efa," qalli, "dan hu l-ħażen
tagħhom fil-pajjiż kollu."

7U ara, jintrefa' l-għatu taċ-ċomb, u ġol-efa kien hemm mara bilqiegħda.

8"Din hija l-ħażen," qalli, u xeħetha lura ġol-efa, u raġa' għattieh bl-għatu taċ-
ċomb.

9Imbagħad erfajt għajnejja u ħarist, u ara, kien hemm żewġ nisa resqin, bir-riħ fi
ġwenħajhom, ġwenħajhom kienu bħal ġwenħajn iċ-ċikonja, u refgħu l-efa bejn l-
art u s-sema.

10Jiena mbagħad staqsejt lill-anġlu li kien ikellimni: "Dawn fejn se jeħduha l-
efa?"

11"Biex jibnulha dar fl-art ta' Singħar," qalli, "u meta jlestuha, iqegħduha hemm,
fil-bini tagħha."

# Żakkarija 6

### It-tmien dehra: il-karrijiet

1U għal darb'oħra rfajt għajnejja u ħarist; u ara, kien hemm erba' karrijiet ħerġin
minn bejn iż-żewġ muntanji tal-bronż.


© 2020 Malta Bible Society.

2Mal-karru ta' quddiem kien hemm żwiemel ħomor, mat-tieni karru żwiemel suwed,

3mat-tielet karru żwiemel bojod, u żwiemel imnaqqxa u fuq tagħhom mar-raba' karru."

4U jiena qbadt u għedt lill-anġlu li kien ikellimni: "Dawn x'inhuma, sidi?"

5Weġibni l-anġlu u qalli: "Dawn huma l-erbat irjieħ tas-sema ħerġin minn quddiem Sid l-art kollha.

6Iż-żwiemel is-suwed sejrin lejn art it-Tramuntana; il-bojod sejrin wara dawn lejn art il-Punent; u l-imnaqqxin sejrin lejn art in-Nofsinhar."

7U dawk fuq tagħhom ħarġu ħfief biex ifittxu jmorru ħa jiġġerrew mal-art. U qalilhom: "Morru ġġerrew mal-art." U huma ġġerrew mal-art.

8Imbagħad sejjaħli u kellimni: "Ara," qalli, "dawk li sejrin lejn art it-Tramuntana se jserrħu l-ispirtu tal-Mulej fuq art it-Tramuntana."

### Il-kuruna tal-glorja

9U waslitli l-kelma tal-Mulej u qalli:

10"Ħu l-offerti tal-itturufnati mingħand Heldaj u Tobija u Ġedajja, u mur int illum stess, mur għand Ġosija bin Sefanija, li ġie wkoll minn Babilonja.

11U ħu fidda u deheb, agħmel kuruna u qegħedha fuq ras Ġożwè bin Ġeħosadak, il-qassis il-kbir.

12Kellmu u għidlu: 'Hekk jgħid il-Mulej tal-eżerċti: "Ara l-bniedem li ismu hu r-Rimja; mill-post fejn qiegħed hu għad jinbet u jibni s-santwarju tal-Mulej.

13Ikun hu li jibni s-santwarju tal-Mulej, u hu jieħu fuqu l-glorja ta' sultan, u joqgħod jaħkem fuq it-tron tiegħu. U fuq il-lemin tiegħu jkun hemm qassis, u bejniethom it-tnejn ikun hemm ftehim ta' sliem."

14U l-kuruna tkun għal Heldaj, għal Tobija, għal Ġedajja, u għal Ġosija bin Sefanija, bħala tifkira fis-santwarju tal-Mulej.

15U l-imbegħdin jiġu u jibnu s-santwarju tal-Mulej. U intom tagħrfu li kien il-Mulej tal-eżerċti li bagħatni għandkom. U dan jiġri jekk intom tisimgħu u tagħtu widen għal-leħen tal-Mulej, Alla tagħkom."

## Żakkarija 7

### Dwar is-sawm

1U ġara li fir-raba' sena tas-sultan Dariju, fir-raba' jum tad-disa' xahar, li hu Kislew, il-kelma tal-Mulej waslet lil Żakkarija.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

2U Betel-sareser, uffiċjal għoli tas-sultan, bagħat in-nies tiegħu biex jitolbu bil-ħniena quddiem il-Mulej,

3u jkellmu lill-qassisin tat-tempju tal-Mulej tal-eżerċti u lill-profeti u jgħidulhom: "Għandi jiena nibki fil-ħames xahar u nsum kif x'issa għamilt għal ħafna snin?

### Tfakkira tal-imgħoddi

4Imbagħad waslitli l-kelma tal-Mulej tal-eżerċti u qalli:

5"Kellem lill-poplu tal-pajjiż u lill-qassisin, u għidilhom: Meta matul dawn is-sebgħin sena somtu u tnehidtu fil-ħames u fis-seba' xahar, is-sawm minħabba fija somtuh?

6Huwa meta tieklu u tixorbu, mhux għalikom tkunu qegħdin tieklu u tixorbu?

7Mhux dan il-kliem li l-Mulej kien xandar permezz tal-profeti tal-imgħoddi, meta Ġerusalemm kienet mgħammra bin-nies u miexja bir-riżq, u l-bliet tagħha ta' madwarha u l-art tan-Negeb u dik tal-wita kienu mgħammrin?"

8U l-kelma tal-Mulej waslet lil Żakkarija, hekk:

9"Hekk jgħid il-Mulej tal-eżerċti: Agħmlu l-ħaqq fis-sewwa; uru tjieba u ħniena bħal aħwa lil xulxin;

10taħqrux l-armla u l-iltim, il-barrani u l-fqir; tbejtux fi qlubkom deni għal xulxin."

11Iżda huma ma ridux jagħtu widen, tawni daharhom, saddew widnejhom li ma jmorrux jisimgħu,

12u webbsu qalbhom daqs id-djamant biex ma jobdux il-liġi u l-kliem tal-Mulej tal-eżerċti li kien bagħat bl-ispirtu tiegħu permezz tal-profeti tal-imgħoddi. Imbagħad tkebbset korla kbira min-naħa tal-Mulej tal-eżerċti.

13"U ġara li, bħalma hu sejjaħ u huma ma semgħux, hekk ukoll għad isejħu u jiena ma nismax," jgħid il-Mulej tal-eżerċti;

14"u jiena xerridthom fost il-ġnus kollha li ma kinux jafu bihom. U l-art saret ħerba warajhom, bla ħadd ma jgħaddi minnha u jerġa'. Art l-hena għamluha ħerba."

## Żakkarija 8

### Il-ġid ta' żmien il-Messija

1U ġiet il-kelma tal-Mulej tal-eżerċti u qalli:

2Hekk jgħid il-Mulej tal-eżerċti: "Jien għajjur fuq li għajjur għal Sijon, għajjur għaliha b'korla li ma bħalha."


© 2020 Malta Bible Society.

3Dan jgħid il-Mulej: "Mill-ġdid indur lejn Sijon, u niġi ngħammar f'nofs Ġerusalemm. Imbagħad lil Ġerusalemm jibdew ixandruha bħala 'il-Belt il-fidila', u l-muntanja tal-Mulej tal-eżerċti bħala 'il-Muntanja l-qaddisa'."

4Dan jgħid il-Mulej: "Il-pjazez ta' Ġerusalemm għad jerġgħu joqogħdu fihom ix-xjuħ, irġiel u nisa, kulħadd bil-bastun f'idu minħabba t-tul ta' għomru.

5U l-pjazez tal-belt jimtlew bi tfal subien u bniet, jilagħbu fil-wesgħat tagħha."

6Hekk jgħid il-Mulej tal-eżerċti: "Jekk illum din hija ħaġa tal-għaġeb f'għajnejn fdal dan il-poplu, se tkun tal-għaġeb f'għajnejja wkoll?" Oraklu tal-Mulej tal-eżerċti.

7Dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti: "Ara, jiena nsalva l-poplu tiegħi mil-Lvant u mill-Punent,

8u nġibhom lura biex jgħammru f'nofs Ġerusalemm; u huma jkunu l-poplu tiegħi, u jiena nkun Alla tagħhom, fidil u ġust."

9Dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti: "Ħa jissaħħu jdejkom, intom li f'dawn il-jiem smajtu dawn il-kelmiet li qalu l-profeti li kien hemm fi żmien it-tqegħid tas-sisien tat-tempju tal-Mulej tal-eżerċti għall-bini tas-santwarju.

10Għax qabel dak iż-żmien ma kienx hemm salarju għall-bniedem jew ħlas għall-bhima, u lanqas min kien ħiereġ u dieħel ma kellu rasu mistrieħa mill-għadu, wara li jiena xħett in-nies kollha wieħed kontra l-ieħor.

11Imma issa jiena m'għadnix bħalma kont fl-imgħoddi għall-bqija ta' dan il-poplu, oraklu tal-Mulej tal-eżerċti,

12għax jiena niżra' s-sliem, id-dielja tagħti l-frott tagħha, u l-art tagħti l-għelejjel tagħha, u s-smewwiet in-nida tagħhom; u dan kollu nagħtih lill-bqija ta' dan il-poplu biex ikun tagħhom.

13U jiġri li bħalma intom, dar ta' Ġuda u dar ta' Iżrael, kontu saħta fost il-ġnus, hekk jiena nsalvakom, u tkunu barka. Tibżgħu xejn: ħa jissaħħu jdejkom!"

14Għax dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti: "Bħalma kont ħsibt li nagħmlilkom id-deni meta missirijietkom kebbsuli l-korla tiegħi, u l-ħsieb ma biddiltux," jgħid il-Mulej tal-eżerċti,

15"hekk f'dawn il-jiem erġajt għamilt il-ħsieb li nagħmel il-ġid lil Ġerusalemm u lid-dar ta' Ġuda. La tibżgħux!

16"Dawn huma l-ħwejjeġ li għandkom tagħmlu: Għidu s-sewwa lil xulxin; fil-bibien ta' beltkom għamlu l-ħaqq li jġib is-sliem;

17tbejtux deni għal xulxin fi qlubkom, u l-ħalf fil-falz la taħmluhx, għax dan hu kollu li jiena nobgħod," oraklu tal-Mulej.

### Tweġiba dwar is-sawm


© 2020 Malta Bible Society.

18U ġietni l-kelma tal-Mulej tal-eżerċti: u qalli:

19"Dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti: Is-sawm tar-raba' xahar, u s-sawm tal-ħames u
s-sawm tas-seba' u s-sawm tal-għaxar xahar, ikun għad-dar ta' Ġuda jiem ta' ferħ
u hena u ta' festi sbieħ. Imma ħobbu s-sewwa u s-sliem!"

### Żminijiet il-Messija

20Dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti: "Għad jiġu popli u nies li jgħammru fi bliet kbar,

21u n-nies ta' belt imorru għand dawk ta' belt oħra u jgħidulhom: 'Imxu, ejjew
immorru għand il-Mulej nitolbuh ħniena u nfittxu l-Mulej tal-eżerċti; ngħid
għalija, sejjer jien ukoll.'

22U kotra ta' popli u ġnus qawwija jiġu jfittxu l-Mulej tal-eżerċti f'Ġerusalemm u
jitolbu l-ħniena tal-Mulej."

23Dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti: "F'dawk il-jiem għaxart irġiel mill-ilsna kollha
tal-ġnus jaqbdu Lhudi u jżommuh minn tarf il-libsa tiegħu, u jgħidulu: 'Ħa niġu
magħkom, għaliex smajna li Alla magħkom!' "

## Żakkarija 9

### L-art il-ġdida

1Oraklu: Il-Mulej għadda mill-art ta' Hadrak, u Damasku l-post tal-mistrieħ
tiegħu; għax tal-Mulej huma bliet Aram, u kull tribù ta' Iżrael.

2U Hamat ukoll, li tmiss miegħu, u Tir u Sidon, għad li għerfhom kbir.

3Għaliha nfisha Tir bniet fortizza, u ġabret fidda bħat-trab, u deheb bħat-tajn tat-
triqat.

4Ara, is-Sid għad jagħmilha priża u ġidha jwaddabhulha fil-baħar,

5Askalon tara dan u tibża', titkexkex Gaża, u Għekron ukoll, għax it-tama tagħha
tisfa fix-xejn. Is-sultan jgħib minn Gaża, Askalon ma tkunx mgħammra bin-nies,

6u nies ta' demm imħallat jgħammru f'Asdod! U jiena neqred il-kburija tal-
Filistin,

7demmhom inneħħilhom minn fommhom, u t-tinġis tagħhom minn bejn
snienhom; isiru huma wkoll fdal lil Alla tagħna, u jkunu bħal familja f'Ġuda, u
Għekron bħall-Ġebusin.

8U noqgħod għassa madwar Dari, biex ħadd ma joqgħod dieħel u ħiereġ, u ma
jidħolx aktar għalihom min jaħqarhom, għax issa rajt l-hemm tagħhom.

### Il-Messija


© 2020 Malta Bible Society.

9Ifraħ kemm tiflaħ, bint Sijon; għajjat bil-ferħ, bint Ġerusalemm! Ara, is-sultan
tiegħek ġej għandek; ġust u rebbieħ, umli u riekeb fuq ħmar, fuq felu ta’ ħmara.

10Hu jeqred il-karru minn Efrajm u ż-żiemel minn Ġerusalemm; jinqered il-qaws
tal-gwerra. Hu jxandar il-paċi lill-ġnus, il-ħakma tiegħu tkun minn baħar sa
baħar, u mix-xmara tal-Ewfrat sat-trufijiet.

### It-tiġdid ta’ Iżrael

11Int ukoll, minħabba d-demm tal-patt tiegħek li għamilt miegħi, nitlaqlek l-
ilsiera tiegħek ħielsa mill-ħofra fejn ma hemmx ilma.

12U jerġgħu lura għandek, bint Sijon, l-ilsiera li qegħdin bit-tama. Mil-lum stess
inħabbar li għad irroddlok id-doppju.

13Għax il-qaws tiegħi, li hu Ġuda, hu miġbud, armajtu bil-vleġġa, li hi Efrajm. Se
nvenven ’l uliedek bħal lanza, Sijon, kontra wliedek, Ġawan, u nagħmlek bħal sejf
ta’ gwerrier.

14Imbagħad il-Mulej jidher fuqhom, u toħroġ bħal berqa l-vleġġa tiegħu. Il-Mulej
Sidi jdoqq it-tromba, u jimxi ’l quddiem fit-tempesti tan-Nofsinhar.

15Il-Mulej tal-eżerċti jħarishom, u jaslu li xejn ma jqisu ċ-ċagħak tal-iżbandoli;
ixejnuhom u jisħquhom taħt riġlejhom. Id-demm jixorbuh qisu nbid, u jimtlew
bih bħall-kantunieri tal-artal.

16Dakinhar isalvahom il-Mulej, Alla tagħhom, jirgħa l-poplu tiegħu bħal merħla,
għax bħal ġawhar prezzjuż ta’ dijadema jkunu jleqqu fuq l-art tiegħu.

17Xi tjubija u xi ġmiel ikun fiha! Il-qamħ jaħji ż-żgħażagħ, u l-inbid ġdid it-tfajliet.

## Żakkarija 10

### Fedeltà lejn il-Mulej

1Itolbu x-xita mingħand il-Mulej meta tkun qorbot fl-aħħar: il-Mulej li jagħmel
il-beraq, li jagħtihom il-ħalbiet tax-xita, lill-bniedem il-ħaxix tar-raba’.

2Għax allat djarhom jgħidu kliem fieragħ; dawk li jħabbru kellhom dehriet
qarrieqa, ifissru ħolm mhux minnu, u għalxejn ifittxu jfarrġu. Minħabba f’hekk
tferrex bħal merħla l-poplu, imsieken, għax m’għandhomx ragħaj.

### Iżrael meħlus jitraġġa’ lura

3“Xegħlet il-korla tiegħi għar-rgħajja, u se nikkastiga lill-kapijiet. Iva, il-Mulej tal-
eżerċti jieħu ħsieb il-merħla tiegħu, li hi d-dar ta’ Ġuda, u jagħmilha bħal żiemel
glorjuż tiegħu fit-taqbida.

4Minnha toħroġ il-ġebla tax-xewka, minnha l-puntal, minnha l-qaws tat-taqbid,
minnha kull kap.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[5]Flimkien ikunu bħal gwerrier li jgħaffġu fit-tajn tat-toroq fit-taqbid, jissaraw
għax il-Mulej magħhom, u r-rikkieba taż-żwiemel jitħawdu.

[6]Insaħħaħ dar Ġuda, insalva dar Ġużeppi, u nerġa' nġibhom lura, għaliex ħennejt
għalihom; u jkunu bħalkieku qatt ma ċħadthom, għax jiena l-Mulej, Alla
tagħhom, u nagħtihom dak li talbuni.

[7]Imbagħad isir Efrajm bħal gwerrier qalbieni, tithenna qalbhom bħalkieku bl-
inbid; uliedhom jaraw u jithennew, u qalbhom tifraħ fil-Mulej.

[8]U nsaffrilhom biex niġmagħhom, għax jiena fdejthom, u jsiru kotrana bħalma
kienu.

[9]Ukoll jekk xerridthom fost il-ġnus, iżda mill-artijiet imbiegħda jibqgħu
jiftakruni, u jrabbu 'l uliedhom u jerġgħu lura.

[10]Nerġa' nġibhom mill-art tal-Eġittu, u niġmagħhom mill-Assirja; indaħħalhom
fl-art ta' Gilgħad u fil-Libanu u ma jinstabx wisa' biżżejjed għalihom.

[11]Għad jaqsmu l-baħar tal-Eġittu, u hu jraġġa' lura ħalel il-baħar, u jitnixxfu
qigħan in-Nil. Jitwaqqa' t-tkabbir tal-Assirja, lill-Eġittu jitneħħielu x-xettru.

[12]Inqawwihom fil-Mulej, f'Ismu jkun il-ftaħir tagħhom," oraklu tal-Mulej.

## Żakkarija 11

[1]Iftaħ bwiebek, Libanu, biex in-nar jibla' ċ-ċedri tiegħek.

[2]Okrob, ċipress, għax iċ-ċedru ntemm, għax inqerdu l-qalbenin. Okrob, ballut ta'
Basan, għax tqaċċat il-masġar folt!

[3]Isma' l-krib tar-rgħajja, għax safa fix-xejn dak li bih kienu jiftaħru; isma' l-
għajjat tal-ljuni, għax ġmiel il-Ġordan safa fix-xejn.

### Iż-żewġ rgħajja

[4]Dan qal il-Mulej, Alla tiegħi: "Irgħa l-merħla lesta għall-qatla,

[5]li dawk li jixtruha joqtluha bla ma ħadd jgħidilhom xejn, u dawk li jbigħuha
jgħidu: 'Imbierek il-Mulej, stagħnejt!'; u li r-rgħajja tagħha ħniena ma tiġihomx
minnha.

[6]Għax jien ma tiġinix iżjed ħniena minn dawk li jgħammru f'dan il-pajjiż, oraklu
tal-Mulej. U, ara, jiena se nitlaq il-bnedmin kull wieħed f'idejn ir-ragħaj tiegħu, u
f'idejn is-sultan tiegħu; huma jfarrku l-art, u jiena ma neħles 'il ħadd minn taħt
idejhom."

[7]U qgħadt jien nirgħa l-merħla lesta għall-qatla, għas-sensala tan-nagħaġ; u ħadt
żewġt ibsaten, wieħed semmejtu 'Ħlewwa' u l-ieħor semmejtu 'Rabta', u qgħadt
nirgħa l-merħla.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

8U f'xahar wieħed ġibt fix-xejn it-tliet rgħajja. Imma n-nagħaġ dejquni, u huma
wkoll saru ma jaħmlunix.

9Imbagħad għedt: "Ma nibqax iżjed ragħaj tagħkom! Ħa jmut min għandu jmut!
Ħa jintemm min għandu jintemm! U dawk li jkun għad fadal jieklu laħam xulxin!"

10U ħadt il-bastun li kont semmejt 'Ħlewwa', u qsamtu, biex nikser il-patt li kont
għamilt mal-ġnus kollha.

11U hekk il-patt dakinhar inkiser; u mbagħad ir-rgħajja tal-merħla, li kienu
qegħdin iħarsu lejja, għarfu li dik kienet il-kelma tal-Mulej.

12Għalhekk għedtilhom: "Jekk dan jidhrilkom li hu sewwa, agħtuni ħlasi; jekk le,
tagħtuni xejn." U wiżnuli bħala ħlasi tletin xekel tal-fidda.

13Imbagħad qalli l-Mulej: "Itfgħu fit-teżor, il-prezz sabiħ li bih stmawni." U jien
ħadt it-tletin xekel tal-fidda u tfajthom fit-teżor fit-tempju tal-Mulej.

14Imbagħad qsamt it-tieni bastun li kont semmejt 'Rabta', biex nikser ir-rabta ta'
aħwa bejn Ġuda u Iżrael.

15U qalli l-Mulej: "Ħu l-għodda ta' ragħaj bla għaqal.

16Għax, ara, se nqajjem fil-pajjiż ragħaj li ma jħabbilx rasu minn dawk li se
jinqerdu, dawk li jkunu neqsin ma jfittixhomx, lill-miġruħa ma jdewwihomx, lil
dawk li huma f'saħħithom ma jweżinhomx, imma jiekol il-laħam ta' dawk li
huma msemmna u jqaċċtilhom sad-dwiefer tagħhom.

17Gwaj għalih ir-ragħaj bla għaqal, li jitlaq il-merħla weħidha! Ħa jolqotlu s-sejf
lil driegħu u 'l għajnu l-leminija! Ħa jinxiflu sewwa driegħu, u dalma kbira tilħqu
f'għajnu l-leminija!"

## Żakkarija 12

### Ħelsien u tiġdid ta' Ġerusalemm

1Oraklu. Il-kelma tal-Mulej dwar Iżrael. Oraklu tal-Mulej li firex is-smewwiet, li
qiegħed is-sisien tal-art u li lill-bniedem ġo fih sawwarlu l-ispirtu tiegħu.

2"Ara, jien se nagħmel minn Ġerusalemm tazza ta' xorb li jsakkar għall-popli
kollha ta' madwarha, u jkunu f'assedju kontra Ġuda u kontra Ġerusalemm.

3U jiġri dakinhar li lil Ġerusalemm nagħmilha bħal ġebla tat-tagħbija għall-popli
kollha; kull min jitgħabba biha jkorri sewwa. Il-ġnus kollha tal-art jinġemgħu
kontriha.

4Dakinhar, oraklu tal-Mulej, iż-żwiemel kollha nġenninhom bil-biża' u nbellah
ir-rikkieb tagħhom. Fuq id-dar ta' Ġuda niftaħ għajnejja, imma nixħet għama fuq
iż-żwiemel kollha tal-popli.


© 2020 Malta Bible Society.

5Imbagħad it-tribujiet ta' Ġuda jibdew jgħidu bejnhom u bejn ruħhom: 'Il-qawwa tan-nies ta' Ġerusalemm tinsab fil-Mulej tal-eżerċti, Alla tagħhom.'

6Dakinhar, it-tribujiet ta' Ġuda nagħmilhom bħal kenur imħeġġeġ qalb l-injam, bħal torċa mqabbda qalb il-qatet, u jeqirdu fuq il-lemin u fuq ix-xellug il-popli kollha ta' madwarhom, waqt li Ġerusalemm tibqa' sħiħa fejn hi.

7"U l-Mulej isalva t-tined ta' Ġuda l-ewwel, biex il-ġieħ tad-dar ta' David u l-ġieħ ta' dawk li jgħammru f'Ġerusalemm ma jkunx ikbar minn dak ta' Ġuda.

8Dakinhar il-Mulej ikun tarka madwar in-nies ta' Ġerusalemm u dak li fosthom ikun se jogħtor dakinhar isir bħal David; u d-dar ta' David issir bħal Alla, bħall-anġlu tal-Mulej, quddiemhom.

9U jiġri dakinhar li jiena nfittex neqred il-ġnus kollha li jiġu kontra Ġerusalemm.

10"U fuq id-dar ta' David u fuq dawk li jgħammru f'Ġerusalemm insawwab spirtu ta' ħniena u talb. U huma jħarsu lejn dak li jkunu nifdu, u jibkuh bħal wieħed li jibki lil ibnu l-waħdieni, u jokorbu għalih bħal min jokrob għal ibnu l-kbir.

11Dakinhar il-biki ta' Ġerusalemm ikun kbir daqs il-biki ta' Ħadad-rimmon fil-wita ta' Megiddo.

12U l-pajjiż jitbekka, kull familja għaliha: il-familja tad-dar ta' David għaliha, bin-nisa tagħhom għalihom; il-familja tad-dar ta' Natan għaliha, bin-nisa tagħhom għalihom;

13il-familja tad-dar ta' Levi għaliha, bin-nisa tagħhom għalihom; il-familja ta' Simgħi għaliha, bin-nisa tagħhom għalihom;

14u l-familji kollha li jkun baqa', kull waħda għaliha, bin-nisa tagħhom għalihom."

## Żakkarija 13

1"Dakinhar jiġri li tinfetaħ għajn għad-dar ta' David u għan-nies ta' Ġerusalemm, biex jindafu mill-ħtijiet u mit-tinġis.

2"U jiġri dakinhar, oraklu tal-Mulej tal-eżerċti, li jiena neqred mill-pajjiż l-isem tal-idoli, hekk li ma jibqax iżjed tifkira tagħhom; u nneħħi wkoll mill-pajjiż il-profeti u l-ispirtu mniġġes.

3U jekk xi ħadd ikun irid jerġa' jagħmilha ta' profeta, missieru u ommu li nissluh jgħidulu: 'Int ma tibqax ħaj, għax qed tgħid kliem b'ieħor f'isem il-Mulej'; u missieru u ommu li nissluh jinfduh xħin ikun jagħmilha ta' profeta.

4U jiġri, iva, dakinhar li kull profeta jibda jistħi mid-dehra li jkollu waqt li jkun iħabbar, u ma jxiddx fuqu l-mantell tax-xagħar biex ikun jista' jqarraq,

5imma jgħid: 'Jien m'iniex profeta! Jien ħaddiem ir-raba', għax ġidi, sa minn żgħożiti, hi l-ħamrija!'

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

6U jekk xi ħadd jistaqsih: 'X'inhuma dawn il-ġrieħi fuq idejk?" hu jwieġeb: 'Dawn għamluhomli fid-dar ta' ħbiebi.' "

### L-għanja tas-sejf: il-poplu l-ġdid

7"Qum, sejf, għar-ragħaj tiegħi, għar-raġel sieħeb tiegħi," oraklu tal-Mulej tal-eżerċti. Olqot ir-ragħaj ħa tixtered il-merħla. U jien indawwar idi kontra ż-żgħar.

8U jiġri li, fil-pajjiż kollu, oraklu tal-Mulej, tnejn minn kull tlieta jinqerdu, imutu, u jibqa' wieħed minn kull tlieta,

9U ndaħħal fin-nar lil dan it-tielet, biex insaffih bħalma jsaffu l-fidda, u nippruvah bħalma jippruvaw id-deheb. Hu jsejjaħ ismi, u jien inwieġbu, u ngħid: 'Dan il-poplu tiegħi', u hu jgħid: 'Il-Mulej hu Alla tiegħi.' "

## Żakkarija 14

### It-taqbida tal-aħħar: sbuħija ta' Ġerusalemm

1Ara, għad jiġi Jum għall-Mulej, meta jeħdulek ġidek priża u jaqsmuh bejniethom f'nofsok.

2U jien niġbor il-ġnus kollha kontra Ġerusalemm għat-taqbida, u l-belt taqa' f'idejhom, id-djar jisirquhom, in-nisa jwaqqgħuhom fl-għajb; nofs il-belt tkun itturufnata, imma l-bqija tal-poplu ma jinqatax mill-belt.

3U joħroġ il-Mulej jitqabad ma' dawk il-ġnus bħal fi żmien il-gwerra f'ġurnata ta' taqtigħa.

4U jieqfu riġlejh dakinhar fuq il-Muntanja taż-Żebbuġ, li hi biswit Ġerusalemm, in-naħa tal-Lvant; u l-Muntanja taż-Żebbuġ tinqasam minn nofsha b'wied wiesa' ħafna min-naħa tal-Lvant għan-naħa tal-Punent, nofs wieħed tal-muntanja jersaq lejn it-Tramuntana, u n-nofs l-ieħor lejn in-Nofsinhar.

5U l-wied tal-muntanji tiegħu jingħalaq minn Ġowaħ sa Ġasal, u jingħalaq bħalma ngħalaq minħabba fit-terremot fi żmien Għużżija, is-sultan ta' Ġuda. Imbagħad il-Mulej, Alla tiegħi, jiġi flimkien mal-qaddisin kollha tiegħu.

6U jiġri dakinhar li ma jkunx hemm dawl, imma sirda u ksieħ.

7U jkun jum waħdieni, magħruf mill-Mulej; ma jkun hemm la binhar u lanqas billejl, għax filgħaxija jkun hemm id-dawl.

8Dakinhar minn Ġerusalemm joħroġ ilma ġieri, nofsu lejn il-baħar tal-Lvant u n-nofs l-ieħor lejn il-baħar tal-Punent, u jibqa' jiġri sajf u xitwa.

9Il-Mulej ikun imbagħad sultan fuq l-art kollha; dakinhar il-Mulej ikun wieħed u ismu wieħed.

10U l-art kollha tinbidel f'wita minn Geba sa Rimmon fin-naħa tan-Nofsinhar.
Iżda Ġerusalemm titgħolla fil-post fejn tinsab. Mill-Bieb ta' Benjamin sal-misraħ

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

tal-Bieb ta' qabel, jiġifieri sal-Bieb tal-Kantuniera, u mit-Torri ta' Hananel sa fejn jagħsru l-inbid tas-sultan,

11in-nies jgħammru fiha. U ħadd iżjed ma jkun merħi għall-qerda. Iva, in-nies jgħammru f'Ġerusalemm b'rashom mistrieħa.

12U din tkun id-daqqa li biha l-Mulej isawwat il-popli kollha li għamlu gwerra lil Ġerusalemm: laħamhom jitħassrilhom waqt li jkunu għadhom fuq riġlejhom, għajnejhom jinfaqgħulhom f'ħofrithom, u lsienhom idubilhom f'ħalqhom.

13U tiġi fuqhom dakinhar taħwida tal-għaġeb min-naħa tal-Mulej, kull wieħed jaqbad id l-ieħor u jerfgħu jdejhom għal xulxin.

14U Ġuda wkoll jissara f'Ġerusalemm. U b'kotra kbira jinġabar il-ġid kollu tal-ġnus ta' mad-dwar, deheb u fidda u lbies.

15U kastig bħal dan ikun il-kastig li jaqa' fuq iż-żwiemel, fuq il-bgħula, fuq l-iġmla, fuq il-ħmir, u fuq il-bhejjem kollha li jkunu jinsabu f'dik l-armata.

16Jiġri mbagħad li dawk kollha li jibqgħu mill-ġnus kollha li jkunu ġew għal Ġerusalemm jitilgħu minn sena għal oħra biex jinxteħtu quddiem is-Sultan, il-Mulej tal-eżerċti, u biex jagħmlu l-festa tal-Għerejjex.

17U dawk, li fost il-familji tal-art, ma jitilgħux Ġerusalemm biex jinxteħtu quddiem is-Sultan, il-Mulej tal-eżerċti, jiġrilhom li ma jkunx hemm xita għalihom.

18U jekk il-familja tal-Eġittu ma titlax u ma tiġix, għaliha wkoll ikun hemm il-kastig li bih il-Mulej jikkastiga l-ġnus li ma jitilgħux biex jagħmlu l-festa tal-Għerejjex.

19Dan ikun il-ħlas tal-Eġittu u l-ħlas tal-ġnus kollha talli ma jitilgħux biex jagħmlu l-festa tal-Għerejjex.

20Dakinhar fuq iċ-ċnieċel taż-żwiemel ikun hemm miktub: "Imqaddsa lill-Mulej"; u l-borom fit-tempju tal-Mulej ikunu bħall-vaski ta' quddiem l-artal.

21U l-borom kollha f'Ġerusalemm u f'Ġuda jkunu mqaddsa lill-Mulej tal-eżerċti, u dawk kollha li joffru sagrifiċċju jiġu u jieħdu minnhom u jgħallu fihom; u ma jkunx hemm aktar neguzjanti dakinhar fit-tempju tal-Mulej tal-eżerċti.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

## Malakija 1

1Oraklu. Il-kelma tal-Mulej lil Iżrael permezz ta' Malakija.

### L-imħabba tal-Mulej għal Iżrael

2"Ħabbejtkom," jgħid il-Mulej. "Imma intom tgħidu: 'Fiex ħabbejtna?' Jaqaw Għesaw mhux ħu Ġakobb? Oraklu tal-Mulej. Madankollu jien lil Ġakobb ħabbejtu;

3imma lil Għesaw bgħadtu, u l-muntanji tiegħu għamilthomlu xagħra, u l-art li wiret ħallejthielu għax-xakalli tad-deżert."

4Jekk Edom jgħid: "Aħna tfarrakna, imma dak li ġġarraf nerġgħu nibnuh," dan jgħid il-Mulej tal-eżerċti: "Huma jibnu, u jiena nħott! U jibdew isejħulhom 'Art il-ħażen' u 'Il-poplu li l-Mulej hu dejjem inkurlat għalih'.

5U mbagħad għajnejkom jaraw, u tgħidu: 'Kbir il-Mulej, aktar lil hemm minn trufijiet Iżrael!'

### Ċanfira lill-qassisin

6"L-iben iweġġaħ lil missieru, u l-qaddej lil sidu. Jekk mela jiena missier, fejn hu t-tweġġiħ tiegħi? U jekk jiena Sid, fejn hu l-biża' minni? Jgħid il-Mulej tal-eżerċti lilkom, qassisin li żżebilħu ismi. Imma intom tgħidu: 'Fiex żeblaħnieh Ismek?'

7Billi fuq l-artal tiegħi toffru ikel imniġġes. Imma intom tgħidu: 'Biex niġġisnieh?' Billi intom mingħalikom li l-mejda tal-Mulej jista' wieħed imaqdarha.

8U jekk toffru vittma għamja, dan mhu xejn ħażin? U jekk toffru vittma magħtuba jew marida, mhu xejn ħażin dan? Mur, isa, offriha lill-gvernatur tiegħek: se jieħu gost bik. Jilqgħek tajjeb?" Jgħid il-Mulej tal-eżerċti.

9U issa morru itolbu lil Alla biex iħenn għalina. Jekk dan iseħħ min-naħa tagħkom, taħsbu intom li se jilqagħkom tajjeb? Jgħid il-Mulej tal-eżerċti.

10"Mhux li fostkom kien hemm xi ħadd li jsakkar il-bibien ħalli ma tkebbsux nar għal xejn fuq l-artal tiegħi! M'għandix pjaċir bikom," jgħid il-Mulej tal-eżerċti, "u minn idejkom ma nilqax offerti.

11Għax minn tlugħ ix-xemx sa nżulha kbir hu ismi fost il-ġnus, u kullimkien isir lil Ismi sagrifiċċju bl-inċens u offerta safja, għax kbir hu Ismi fost il-ġnus," jgħid il-Mulej tal-eżerċti.

12"Imma intom tipprofanawh meta tgħidu li l-mejda tas-Sid hija mniġġsa u l-ikel ta' fuqha hu ta' min imaqdru.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

13U intom tgħidu: 'Ara, xi dwejjaq!', u taqbdu tonfħu," jgħid il-Mulej tal-eżerċti.
Intom iġġibu vittmi misruqa u dak li hu magħtub u dak li hu marid, u dan iġġibuh
bħala offerta. U jien se nilqagħha minn idejkom?" Jgħid il-Mulej tal-eżerċti.

14Misħut il-wiċċ b'ieħor li fil-merħla tiegħu għandu bhima raġel u jwiegħdu lil
Alla, u mbagħad lis-Sid joffrilu b'sagrifiċċju dak li hu difettuż. "Għax jien Sultan
kbir," jgħid il-Mulej tal-eżerċti, "u ismi ta' min jibża' minnu fost il-ġnus."

## Malakija 2

1"U issa għalikom, qassisin, huwa dan il-kmandament:

2Jekk intom ma tisimgħux, u jekk ma tfittxux minn qalbkom li ssebbħu lil ismi,"
jgħid il-Mulej tal-eżerċti, "jiena nibgħat fuqkom is-saħta, u nisħet il-barkiet
tagħkom. Anzi ġa sħetthomlkom, għax intom dan ma tfittxuhx minn qalbkom.

3Ara, jien se naqlgħalkom dirgħajkom barra u nwaddab il-ħmieġ ma' wiċċkom,
il-ħmieġ tal-festi tagħkom, u lilkom narmikom miegħu.

4Imbagħad tagħrfu li kont jien li bgħatthulkom dan il-kmandament, biex jibqa' l-
patt tiegħi ma' Levi," jgħid il-Mulej tal-eżerċti.

5"Il-patt tiegħi miegħu kien dan: il-ħajja u s-sliem, u jien tajthomlu; il-biża' minni,
u hu beża' minni, u kien kollu mistħija quddiem ismi.

6Kellu f'fommu tagħlim is-sewwa, u ebda ħażen ma nstablu fuq xufftejh; bis-
sliem u r-reqqa mexa miegħi, u ħafna bnedmin reġġagħhom lura minn
ħżunithom.

7"Għax xufftejn il-qassis għandhom iħarsu l-għerf, u n-nies minn fommu jfittxu
t-tagħlim, għax hu l-messaġġier tal-Mulej tal-eżerċti.

8Imma intom twarrabtu mit-triq; ġagħaltu 'l ħafna jitfixklu bit-tagħlim tagħkom;
ħassartu l-patt ta' Levi," jgħid il-Mulej tal-eżerċti.

9"Għalhekk jien ukoll tlaqtkom għaż-żebliħ u għat-tmaqdir tal-poplu kollu,
bħalma intom ma żammejtux triqati, u ħaristu lejn l-uċuħ fit-tagħlim tagħkom."

10Mhux Missier wieħed għandna lkoll kemm aħna? Mhux Alla wieħed ħalaqna?
Mela għaliex nimxu bil-qerq bejnietna u nonqsu mill-ġieħ lejn il-patt ta'
missirijietna?

### Żwiġijiet imħallta u d-divorzju

11Ġuda mexa bil-qerq, sar ħaġa mistkerrha f'Iżrael u f'Ġerusalemm, għax Ġuda
naqas mill-ġieħ lejn is-santwarju għażiż għall-Mulej, u żżewweġ ma' bint ta' alla
stranġier.

12Jalla l-Mulej, bħala xhieda u tweġiba, jaħsad il-bniedem li jagħmel dan mit-
tined ta' Ġakobb u minn dawk li jġibu offerti lill-Mulej tal-eżerċti!

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

13Terġa' dan ukoll tagħmlu: intom tiksu l-artal tal-Mulej bid-dmugħ u bil-biki u
bit-tnehid, għax m'għadux aktar jagħti wiċċ lill-offerta tagħkom u jilqagħha bil-
qalb minn idejkom.

14U intom tgħidu: "Għaliex?" Għax bejnek u bejn il-mara ta' żgħożitek hemm
xhud il-Mulej; u int qarraqt biha, għad li hi s-sieħba tiegħek u l-mara li magħha
ntrabatt.

15U ma għamilhiex l-istess Alla, li jkollha ġisem u ruħ? U xi jrid dan il-wieħed?
Nisel skont Alla! Ħarsu rwieħkom, mela, u qisu li ħadd ma jqarraq bil-mara ta'
żgħożitu.

16"Għax jiena d-divorzju nobogħdu," jgħid il-Mulej, Alla ta' Iżrael, "u lil min jiksi
lbiesu bil-ħażen," jgħid il-Mulej tal-eżerċti. "Mela ħarsu rwieħkom, u tkunux
qarrieqa!"

### Jum il-Mulej

17Dejjaqtuh il-Mulej bid-diskorsi tagħkom! Imma intom tgħidu: "Biex
dejjaqnieh?" Billi tgħidu: "Dawk kollha li jagħmlu l-ħażen huma tajbin f'għajnejn
il-Mulej, u hu fihom isib l-għaxqa", jew tgħidu: "Fejn hu Alla tal-ġustizzja?"

## Malakija 3

1"Araw, jiena se nibgħat il-messaġġier tiegħi biex iħejji t-triq quddiemi, u
minnufih jidħol fit-tempju tiegħu s-Sid li intom qegħdin tfittxu; u l-anġlu tal-patt,
li intom tixtiequ, arawh, ġej!" jgħid il-Mulej tal-eżerċti.

2Imma min se jissaporti l-Jum tal-miġja tiegħu? U min hu li se jieqaf meta jidher?
Għax hu bħan-nar ta' wieħed li jsaffi u bħas-sapun tal-ħassiela.

3U joqgħod isaffi u jnaddaf il-fidda, u jnaddaf 'l ulied Levi, u jsaffihom bħad-
deheb u l-fidda, u huma jsiru għall-Mulej nies li jagħmlu l-offerta bis-sewwa.

4U tibda togħġbu lill-Mulej l-offerta ta' Ġuda u ta' Ġerusalemm bħal dari, bħal fis-
snin l-imgħoddija.

5"Imbagħad nersaq lejkom biex nagħmel il-ġustizzja, u nkun xhud ħafif kontra s-
saħħara, u kontra ż-żienja, u kontra min jaħlef bil-qerq, u kontra min jaħqar il-
ħaddiem fi ħlasu u l-armla u l-iltim, u kontra min iwarrab il-barrani u ma jibżax
minni," jgħid il-Mulej tal-eżerċti.

6"Għax jien, il-Mulej, ma tbiddiltx; u intom, ulied Ġuda, ma ntemmejtux.

7Sa minn żmien missirijietkom twarrabtu mill-preċetti tiegħi u ma ħaristuhomx.
Erġgħu lura lejja, u jien nerġa' lura lejkom," jgħid il-Mulej tal-eżerċti. "Imma
intom tgħidu: 'Fuqiex nerġgħu lura?'


© 2020 Malta Bible Society.

8Jista' bniedem jisraq lil Alla? Madankollu intom qegħdin tisirquni. Imma intom
tgħidu: 'Xi sraqniek?' Fid-diecmi u fl-offerti.

9Misħutin intom għall-aħħar, għax intom qegħdin tisirquni, il-poplu kollu.

10Ġibuhom sħaħ id-diecmi u l-offerti fit-teżor, ħa jkun hemm l-ikel f'dari. U
b'hekk ejjew ġarrbuni," jgħid il-Mulej tal-eżerċti; "taraw jekk niftaħx għalikom
it-twieqi tas-sema, u jekk insawwabx fuqkom barka bl-abbundanza.

11U minħabba fikom inċanfar il-ġrad wikkiel biex ma jeqridilkomx il-frott tal-art,
u biex id-dielja ma twaqqgħalkomx l-għenieqed fl-għalqa," jgħid il-Mulej tal-
eżerċti.

12"Imbagħad il-ġnus kollha jsejħulkom hienja, għax intom tkunu art li fiha
għaxqa," jgħid il-Mulej tal-eżerċti.

### Ir-rebħa tal-ġust f'Jum il-Mulej

13"Iebes għalija kliemkom," jgħid il-Mulej. "Imma intom tgħidu, 'X'għedna
kontrik?'

14Intom tgħidu: 'Hu għal xejn li taqdi lil Alla! U x'jiswa jekk ħarisna t-twissijiet
tiegħu u jekk imxejna b'qalb imnikkta quddiem il-Mulej tal-eżerċti?

15Mela issa ħa nsejħulhom aħna hienja n-nies kburin; dawk kollha li jagħmlu l-
ħażen mhux biss imurilhom kollox bir-riżq, imma wkoll meta jġarrbu 'l Alla
jeħilsuha ħafif!' "

16Hekk qalu wieħed lil ieħor dawk li jibżgħu mill-Mulej; u l-Mulej ta widen u
sama'; u nkiteb quddiemu ktieb it-tifkiriet minħabba f'dawk li jibżgħu minnu u
dawk li jafdaw f'Ismu.

17"U fil-jum imħejji minni," jgħid il-Mulej tal-eżerċti, "huma jkunu għalija teżor
liema bħalu, u nagħdirhom kif raġel jagħder lil ibnu li jaqdih."

18Imbagħad mill-ġdid tagħrfu tagħżlu bejn il-ġust u l-ħażin, bejn min jaqdi 'l Alla
u min ma jaqdihx.

19"Għax, ara, jiġi l-Jum, jaqbad qisu forn, u l-kburin kollha u dawk kollha li
jagħmlu l-ħażen ikunu tiben, u l-jum li ġej għad jaħraqhom," jgħid il-Mulej tal-
eżerċti, "hekk li ma jħallilhom la għerq u lanqas fergħa.

20Imma għalikom li tibżgħu minn ismi titla' x-xemx tal-ġustizzja, bis-salvazzjoni
fuq ġwenħajha; u intom toħorġu taqbżu qiskom għoġiela tal-mandra.

21U tisħqu l-ħżiena, għax huma jkunu qishom irmied taħt qigħan riġlejkom fil-
jum imħejji minni," jgħid il-Mulej tal-eżerċti.

22"Ftakru fil-Liġi ta' Mosè, il-qaddej tiegħi, fil-preċetti u l-kmandamenti li jiena
fuq Horeb ordnajtlu għal Iżrael kollu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

23“Ara, jiena nibagħtilkom ’l Elija l-profeta qabel ma jasal Jum il-Mulej u Jum il-biża’.

24U jdawwar qalb il-missirijiet lejn uliedhom u qalb l-ulied lejn missirijiethom, li ma niġix naħbat għall-art u nħalliha tinqered.”

# Malakija 4

### Alessandru l-Kbir

1Ġara li Alessandru l-Maċedoni bin Filippu, minn art il-Kittin, wara li sar sultan fuq il-Greċja, ħareġ għall-gwerra, rebaħ lil Dariju, sultan tal-Persjani u l-Medi, u beda jsaltan minn floku, ibda mill-Greċja.

2Għamel ħafna gwerer, ħa f’idejh ħafna fortizzi, u qatel is-slaten ta’ dawn l-artijiet.

3Wasal sa truf id-dinja u ħa l-priża mingħand kotra ta’ ġnus, u d-dinja baqgħet issummata quddiemu; tkabbar bih innifsu u qalbu mtliet bis-suppervja.

4Bena eżerċtu ta’ qawwa bla qjies, u ġieb taħt il-ħakma tiegħu artijiet, ġnus u slaten, u lkoll bdew iħallsu l-ħaraġ.

5Wara dan kollu nxteħet fis-sodda u ntebaħ li kien wasal għall-mewt.

6Għalhekk sejjaħ il-ġenerali tiegħu, nobbli li kienu trabbew miegħu sa minn żgħożitu, u qassmilhom l-imperu tiegħu meta kien għadu ħaj.

7Alessandru miet wara li dam isaltan tnax-il sena.

8U l-ġenerali tiegħu ħadu s-setgħa f’idejhom, kull wieħed fil-qasma tiegħu.

9Meta miet ilkoll xiddew il-kuruna f’rashom, u hekk għamlu wliedhom għal bosta snin; u ġiebu ħsara bla qjies fuq id-dinja.

### Antijoku IV Epifani (175-163 QK) jaħqar lil-Lhud

10Minn dawn ħareġ għerq mill-agħar, Antijoku Epifani, bin is-sultan Antijoku; qabel ma beda jsaltan fis-sena 137 tas-saltna tal-Griegi kien miżmum b’rahan f’Ruma.

11Dik il-ħabta ħarġu minn Iżrael xi nies rinnegati u bdew ixewxu lil ħafna nies u jgħidulhom: “Ejja mmorru nagħmlu patt mal-Ġentili ta’ madwarna, għax kemm ilna li ksirnieha magħhom laħquna ħafna ħsarat.”

12Dan id-diskors ingħoġob,

13u ndaħlu xi wħud mill-poplu u marru għand is-sultan, u dan tahom is-setgħa li jdaħħlu d-drawwiet tal-ġnus.

14Bnew ġinnasju f’Ġerusalemm skont id-drawwa tal-Ġentili,


© 2020 Malta Bible Society.

15neħħew is-sinjali taċ-ċirkonċiżjoni u ċaħdu l-patt il-qaddis, bdew jitħalltu mal-
Ġentili u biegħu ruħhom għall-ħażen.

16Malli deherlu li s-saltna tiegħu ssaħħet biżżejjed, Antijoku waħħalha f'rasu li
jsir sultan tal-Eġittu, u hekk jibda jsaltan fuq żewġ saltniet.

17Daħal l-Eġittu b'eżerċtu qawwi, armat b'karrijiet, iljunfanti, kavallerija u flotta
kbira.

18U tqabad ma' Ptolomew, sultan tal-Eġittu; Ptolomew infixel quddiemu u ħarab,
u ħalla warajh ħafna midruba għall-mewt.

19Antijoku ħataf f'idejh l-ibliet iffortifikati u neżża' l-art tal-Eġittu.

### Antijoku fl-Eġittu u f'Ġerusalemm (169-167 QK)

20Wara li ta xebgħa lill-Eġittu, Antijoku raġa' lura fis-sena 143, u tala' għal Iżrael
u Ġerusalemm b'eżerċtu qawwi.

21Imbagħad daħal kollu kburi fis-santwarju, ħataf l-artal tad-deheb, u l-imnara
tad-dawl bit-tagħmir kollu tagħha;

22il-mejda tal-ħobż tal-preżenza, il-bwieqi, l-injieb, iċ-ċnieser tad-deheb u l-
purtiera, id-dijademi, it-tiżjin kollu tad-deheb li kien hemm mal-faċċata tat-
tempju u żarma kollox.

23Ħa wkoll il-fidda u d-deheb u t-tagħmir prezzjuż, u t-teżori moħbija li rnexxielu
jsib.

24Ħataf kollox u raġa' lura lejn pajjiżu, wara li kien xerred ħafna dmija. Tkabbar
u ftaħar b'li kien għamel.

25U waqa' swied il-qalb kbir fuq Iżrael ma' kullimkien.

26Bkew il-kbarat u l-anzjani; intelqu x-xebbiet u l-ġuvintur; u l-ġmiel tan-nisa
dbiel.

27Infexx jibki kull għarus, u baqgħet bid-dmugħ f'għajnejha l-għarusa fl-għorfa
tagħha.

28Minħabba n-nies tagħha triegħdet l-art, u d-dar kollha ta' Ġakobb inksiet bil-
għajb.

29Sentejn wara s-sultan bagħat l-uffiċjal inkarigat mill-ġbir tal-ħaraġ fl-ibliet ta'
Ġuda u wasal Ġerusalemm b'eżerċtu kbir.

30Lin-nies kellimhom bi kliem is-sliem u b'qerq, u huma emmnuh. Imbagħad
inxteħet għal fuq il-belt għal għarrieda u ġieb qerda kbira fuqha, u qatel ħafna
nies minn Iżrael.

31Seraq kulma kien hemm fil-belt, taha n-nar u ġarraf djarha u swarha
dawramejt.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

32Imbagħad ħadu lsiera n-nisa u t-tfal; u l-bhejjem ħaduhom għalihom.

33Il-belt ta' David iffortifikawha b'ħajt kbir u qawwi u b'torrijiet b'saħħithom, u hekk biddluha f'fortizza għalihom.

34U għammruha b'nies midinba u rinnegati; u żguraw ruħhom fiha.

35Ħażnu armi u ikel, u rekknu fiha kulma kienu serqu minn Ġerusalemm. Minn hemm kienu jissajjaw

36u jgħassu t-tempju bil-moħbi; għedewwa qliel għal Iżrael kull ħin.

37Xerrdu demm bla ħtija madwar is-santwarju, u niġġsu l-post imqaddes.

38Minħabba fihom ħarġu dawk li kienu jgħammru Ġerusalemm, u saret bejta tal-barranin. Il-belt saret barranija għal nisilha, abbandunata minn uliedha.

39It-tempju tagħha sar ħerba bħad-deżert; il-festi tagħha nbidlu f'jiem il-vistu; is-Sibtijiet inbidlu f'għajb, u ġieħha fi tmaqdir.

40Daqs kemm kien kbir is-sebħ li kellha darba, daqshekk ieħor issa kien kbir l-għajb; u l-kburija tagħha nbidlet f'vistu.

41Imbagħad is-sultan kiteb lis-saltna kollha tiegħu li lkoll kellhom jiffurmaw poplu wieħed u kull wieħed iħalli l-liġi tiegħu.

42Il-ġnus kollha qagħdu għad-digriet tas-sultan,

43u ħafna minn Iżrael għoġbithom ir-reliġjon tiegħu u offrew is-sagrifiċċji lill-allat foloz u kisru jum is-Sibt.

### Il-persekuzzjoni

44U s-sultan bagħat ittri mal-kurriera tiegħu f'Ġerusalemm u l-ibliet l-oħra ta' Ġuda biex jordnalhom li jimxu skont użanzi barranin għall-pajjiż;

45li jaqtgħu mit-tempju s-sagrifiċċji tal-ħruq u sagrifiċċji oħra u l-libazzjonijiet; li jipprofanaw is-Sibtijiet u l-festi;

46li jniġġsu t-tempju u l-qassisin tiegħu;

47li jibnu artali, santwarji u tempji għall-idoli, u jissagrifikaw ħnieżer u bhejjem oħra mniġġsa;

48li jħallu lil uliedhom bla ċirkonċiżjoni, u jittebbgħu b'kull xorta ta' ħmieġ u nġies.

49B'hekk jinsew il-liġi u jbiddlu l-kmandamenti kollha.

50Kull min ma joqgħodx għad-digriet tas-sultan jagħtuh il-mewt.

51Dan kollu kiteb is-sultan lis-saltna kollha tiegħu u qiegħed suprentendenti fuq il-poplu kollu, u ġiegħel lill-ibliet ta' Ġuda, waħda waħda, joffru s-sagrifiċċji.


© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

52Ħafna mill-poplu marru għan-naħa tagħhom, kollha nies li abbandunaw il-liġi,
u għamlu d-deni fil-pajjiż,

53u b'hekk ġiegħlu lil Iżrael jistaħbew f'kull kenn li kellhom.

### Il-profanazzjoni tat-tempju (167 QK)

54Fil-ħmistax tax-xahar ta' Kislew tas-sena 145 Antijoku talla' l-idolu,
profanazzjoni u ħerba, fuq l-artal, u hekk ukoll tellgħu artali fl-ibliet kollha ta'
Ġuda kif iddur.

55Ħarqu l-inċens fil-bibien ta' djarhom u fil-pjazez.

56Il-Kotba tal-Liġi, li rnexxielhom isibu, għamluhom bċejjeċ u ħarquhom.

57Kull min kienu jsibulu xi Ktieb tal-Patt, jonkella kien iħares il-liġi, kienu
jagħtuh il-mewt bis-saħħa tad-digriet tas-sultan.

58Għax kellhom il-forza, hekk kienu jagħmlu mal-Iżraelin li kienu jinqabdu fl-
ibliet minn xahar għal xahar.

59Fil-ħamsa u għoxrin tax-xahar offrew sagrifiċċju fuq l-artal, li tellgħu fuq l-
artal tal-ħruq.

60U n-nisa li kienu jagħmlu ċ-ċirkonċiżjoni lil uliedhom kienu jagħtuhom il-
mewt,

61bit-trabi mdendlin ma' għonqhom skont id-digriet tas-sultan, u magħhom
kienu joqtlu wkoll lil nieshom u lil dawk li kienu jagħmlulhom iċ-ċirkonċiżjoni.

62Imma ħafna minn Iżrael għamlu l-qalb u webbsu rashom li ma jiklux ikel
imniġġes;

63huma għażlu li jmutu, basta li ma jitniġġsux b'ikel ipprojbit, u ma jipprofanawx
il-patt qaddis; u mietu.

64Kbira kienet il-korla fuq Iżrael.


© 2020 Malta Bible Society.

# Maltese - All Bible

## Mattew

### Mattew 1

**L-antenati ta' Ġesù Kristu**

(Lq 3,23-38)

1Ktieb in-nisel ta' Ġesù Kristu, bin David, bin Abraham.

2Abraham nissel lil Iżakk, Iżakk nissel lil Ġakobb, Ġakobb nissel lil Ġuda u lil ħutu,

3Ġuda nissel lil Fares u lil Żaraħ minn Tamar, Fares nissel lil Hesron, Hesron nissel lil Aram,

4Aram nissel lil Għamminadab, Għamminadab nissel lil Naħson, Naħson nissel lil Salmon,

5Salmon nissel lil Bogħaż minn Raħab, Bogħaż nissel lil Għobed minn Rut, Għobed nissel lil Ġesse,

6Ġesse nissel lil David, is-sultan. David nissel lil Salamun mill-mara ta' Urija,

7Salamun nissel lil Robogħam, Robogħam nissel lil Abija, Abija nissel lil Asa,

8Asa nissel lil Ġosafat, Ġosafat nissel lil Ġoram, Ġoram nissel lil Għużżija,

9Għużżija nissel lil Ġotam, Ġotam nissel lil Aħaż, Aħaż nissel lil Heżekija,

10Heżekija nissel lil Manassi, Manassi nissel lil Amon, Amon nissel lil Ġosija,

11Ġosija nissel lil Ġekonija u lil ħutu; kien żmien l-eżilju f'Babilonja.

12Wara l-eżilju f'Babilonja, Ġekonija nissel lil Salatjel, Salatjel nissel lil Żorobabel,

13Żorobabel nissel lil Abiħud, Abiħud nissel lil Eljakim, Eljakim nissel lil Ażor,

14Ażor nissel lil Sadok, Sadok nissel lil Akim, Akim nissel lil Eliħud,

15Eliħud nissel lil Elgħażar, Elgħażar nissel lil Mattan, Mattan nissel lil Ġakobb,

16Ġakobb nissel lil Ġużeppi, ir-raġel ta' Marija, li minnha twieled Ġesù li jsejħulu l-Messija.

17Mela n-nisel kollu kien, minn Abraham sa David, erbatax-il nisel, minn David sa l-eżilju ta' Babilonja, erbatax-il nisel; u mill-eżilju ta' Babilonja sal-Messija, erbatax-il nisel.


© 2020 Malta Bible Society.

### It-twelid ta' Ġesù Kristu
(Lq 2,1-7)

18It-tnissil ta' Ġesù l-Messija sar hekk: ommu Marija, wara li tgħarrset ma' Ġużeppi, qabel ma marru joqogħdu flimkien, saret omm bil-ħidma tal-Ispirtu s-Santu.

19Żewġha Ġużeppi, li kien raġel ġust u ma riedx ixandarha quddiem kulħadd, għamel il-ħsieb li jibgħatha bil-moħbi tan-nies.

20Meta kien għadu qiegħed jaħsibha, deherlu anġlu tal-Mulej fil-ħolm u qallu: "Ġużeppi, bin David, xejn la tibża' tieħu għandek lil martek Marija, għax dak li tnissel fiha ġej mill-Ispirtu s-Santu.

21Hi se jkollha iben, u inti ssemmih Ġesù, għax hu jsalva l-poplu tiegħu minn dnubiethom."

22Dan kollu ġara biex iseħħ dak li kien qal il-Mulej permezz tal-profeta, meta qal:

23 'Ara, ix-xebba tnissel u jkollha iben, u jsemmuh Għimmanu-El, li bi lsienna jfisser 'Alla magħna.'

24Ġużeppi, meta qam, għamel kif ordnalu l-anġlu tal-Mulej, u ħa lil martu għandu.

25Imma baqa' ma għarafhiex sa ma kellha iben, u semmieh Ġesù.

## Mattew 2

### Iż-żjara tal-maġi

1Meta twieled Ġesù f'Betlehem tal-Lhudija, fi żmien is-sultan Erodi, xi maġi mil-lvant ġew Ġerusalemm jistaqsu:

2"Fejn hu dak li twieled sultan tal-Lhud? Għax rajna l-kewkba tiegħu tielgħa, u ġejna nqimuh."

3Is-sultan Erodi sama' bihom, u tħawwad hu u Ġerusalemm kollha miegħu.

4Ġabar flimkien il-qassisin il-kbar u l-kittieba kollha tal-poplu, u ried jaf mingħandhom fejn kellu jitwieled il-Messija.

5U huma qalulu: "F'Betlehem tal-Lhudija, għax hekk inkiteb mill-profeta:

6 'U int, Betlehem, art ta' Ġuda, le, m'intix l-iżgħar fost il-bliet il-kbar ta' Ġuda, għax minnek joħroġ mexxej li jirgħa l-poplu tiegħi Iżrael.'

7Erodi mbagħad sejjaħ lill-maġi bil-moħbi, u tkixxef bir-reqqa kollha mingħandhom iż-żmien li fih dehritilhom il-kewkba;

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

8bagħathom Betlehem u qalilhom: "Morru, staqsu sewwa għat-tifel, u meta ssibuh ejjew għiduli, ħalli jien ukoll niġi nqimu."

9Dawk, wara li semgħu lis-sultan, telqu, u ara, il-kewkba li kienu raw tielgħa bdiet miexja quddiemhom sakemm waslet u waqfet fuq il-post fejn kien hemm it-tifel.

10Kif raw il-kewkba mtlew b'ferħ kbir tassew.

11Meta mbagħad daħlu d-dar u raw lit-tifel ma' ommu Marija, inxteħtu fl-art iqimuh; fetħu t-teżori tagħhom u offrewlu rigali deheb, inċens u mirra.

12Imbagħad, billi kienu mwissijin f'ħolma biex ma jerġgħux imorru għand Erodi, telqu lura lejn arthom minn triq oħra.

### Il-ħarba lejn l-Eġittu

13Meta telqu, deher anġlu tal-Mulej f'ħolma lil Ġużeppi u qallu: "Qum, ħu miegħek lit-tifel u 'l ommu, u aħrab lejn l-Eġittu. Ibqa' hemm sa ma ngħidlek jien, għax Erodi se jfittex lit-tifel biex joqtlu."

14Ġużeppi qam, ħa miegħu lit-tifel u 'l ommu billejl u telaq lejn l-Eġittu,

15u baqa' hemmhekk sal-mewt ta' Erodi, biex hekk iseħħ dak li kien qal il-Mulej permezz tal-profeta, meta qal, 'Mill-Eġittu sejjaħt lil ibni.'

### Il-qerda tal-innoċenti

16Erodi mbagħad, meta ra li l-maġi kienu daħku bih, inkorla bis-sħiħ, u bagħat joqtol f'Betlehem u fl-inħawi kollha tagħha lit-tfal subien kollha ta' minn sentejn 'l isfel, skont iż-żmien li sar jaf mingħand il-maġi.

17Imbagħad seħħ dak li kien ingħad permezz tal-profeta Ġeremija, meta qal,

18 'F'Rama nstama' leħen, biki u lfiq kbir: Rakel tibki lil uliedha u ma tridx min ifarraġha, għax ma għadhomx iżjed.'

### Lura lejn art Iżrael

19Meta miet Erodi, deher l-anġlu tal-Mulej f'ħolma lil Ġużeppi fl-Eġittu

20u qallu: "Qum, ħu miegħek lit-tifel u 'l ommu, u erġa' lura lejn l-art ta' Iżrael, għax mietu dawk li kienu jfittxu l-ħajja tat-tifel."

21Ġużeppi qam, ħa miegħu lit-tifel u 'l ommu, u mar fl-art ta' Iżrael.

22Imma billi sama' li fil-Lhudija kien qiegħed isaltan Arkelaws flok Erodi missieru, baża' jmur hemm. Fuq twissija li kellu fil-ħolm, telaq lejn l-inħawi tal-Galilija,

23u mar joqgħod f'belt jisimha Nazaret, biex hekk iseħħ dak li kien ingħad permezz tal-profeti, 'Ikun jissejjaħ Nażri.'


© 2020 Malta Bible Society.

# Mattew 3

### Il-predikazzjoni ta' Ġwanni l-Battista

(Mk 1,1-18; Lq 3,1-18; Ġw 1,19-28)

1F'dawk il-jiem deher Ġwanni l-Battista jippriedka fid-deżert tal-Lhudija

2u jgħid: "Indmu, għax is-Saltna tas-Smewwiet waslet."

3Għax għalih kien ingħad permezz tal-profeta Isaija, meta qal, 'Leħen ta' wieħed jgħajjat fid-deżert: Hejju t-triq tal-Mulej, iddrittaw il-mogħdijiet tiegħu.'

4Dan Ġwanni kellu fuqu libsa tax-xagħar tal-ġemel, bi ħżiem tal-ġild madwar qaddu, u l-ikel tiegħu kien ġradijiet u għasel selvaġġ.

5U kienet tmur għandu Ġerusalemm u l-Lhudija kollha u l-inħawi kollha ta' madwar il-Ġordan,

6u kienu jitgħammdu minnu fix-xmara Ġordan huma u jistqarru dnubiethom.

7Kif ra bosta mill-Fariżej u mis-Sadduċej ġejjin għall-magħmudija tiegħu, qalilhom: "Ja nisel il-lifgħat, min uriekom kif għandkom taħarbu mill-korla li ġejja?

8Agħmlu mela frott xieraq tal-indiema.

9U taħsbux li tistgħu tgħidu fikom infuskom, 'Għandna b'missier lil Abraham,' għax ngħidilkom li Alla, minn dan l-istess ġebel, jista' jqajjem ulied lil Abraham.

10Il-mannara ġa tressqet ma' għerq is-siġra; u għalhekk, kull siġra li ma tagħmilx frott tajjeb titqaċċat u tinxteħet fin-nar.

11Jien, ngħid għalija, ngħammidkom bl-ilma għall-indiema; imma min ġej warajja hu aqwa minni, u jien ma jistħoqqlix inġorr il-qorq tiegħu. Hu jgħammidkom bl-Ispirtu s-Santu u n-nar.

12Il-midra qiegħda f'idu, biex iderri l-qiegħa tiegħu u jiġbor il-qamħ fil-maħżen, imma t-tiben jaħarqu b'nar li ma jintefiex."

### Il-magħmudija ta' Ġesù

(Mk 1,9-11; Lq 3,21-22)

13Imbagħad ġie Ġesù mill-Galilija lejn il-Ġordan għand Ġwanni biex jitgħammed minnu.

14Imma Ġwanni ma ħalliehx, u qallu: "Jiena hu li jeħtieġ li nitgħammed minnek, u int tiġi għandi?"

15Ġesù qallu: "Inti għalissa ħallik minn dan, għax hekk jixraq nagħmlu biex intemmu s-sewwa kollu." Imbagħad Ġwanni ħallieh jitgħammed.


© 2020 Malta Bible Society.

16Ġesù, wara li tgħammed, minnufih tala' mill-ilma; u ara, is-smewwiet infetħu,
u ra l-Ispirtu ta' Alla nieżel qisu ħamiema u ġej għal fuqu.

17U mis-smewwiet instama' leħen jgħid: "Dan hu Ibni l-għażiż: fih sibt l-għaxqa
tiegħi."

## Mattew 4

### It-tiġrib ta' Ġesù fid-deżert

(Mk 1,12-13; Lq 4,1-13)

1Imbagħad l-Ispirtu ħa lil Ġesù fid-deżert biex ix-Xitan iġarrbu.

2U Ġesù baqa' sajjem għal erbgħin jum u erbgħin lejl, u fl-aħħar ħadu l-ġuħ.

3U resaq it-tentatur u qallu: "Jekk inti Bin Alla, ordna li dan il-ġebel isir ħobż."

4Iżda Ġesù wieġbu: "Hemm miktub, 'Il-bniedem mhux bil-ħobż biss jgħix, iżda
b'kull kelma li toħroġ minn fomm Alla.' "

5Imbagħad ix-Xitan ħadu miegħu fil-Belt imqaddsa, qiegħdu fuq il-quċċata tat-
tempju,

6u qallu: "Jekk inti Bin Alla, inxteħet għal isfel; għax hemm miktub li, 'Lill-anġli
tiegħu jordnalhom jieħdu ħsiebek,' u li 'Fuq idejhom jerfgħuk, ħalli ma taħbatx
riġlek ma' xi ġebla.' "

7Qallu Ġesù: "Hemm miktub ukoll, 'Iġġarrabx lill-Mulej, Alla tiegħek.' "

8Għal darb'oħra x-xitan ħadu miegħu fuq muntanja għolja ħafna, urieh is-
saltniet kollha tad-dinja u l-glorja tagħhom,

9u qallu: "Dawn kollha nagħtihom lilek jekk tinxteħet tadurani."

10Imbagħad qallu Ġesù: "Itlaq, Xitan! Għax hemm miktub, 'Lill-Mulej, Alla
tiegħek, għandek tadura, u lilu biss taqdi.' "

11Imbagħad ix-Xitan ħallieh. U minnufih ġew xi anġli u kienu jaqduh.

### Il-bidu tal-ministeru ta' Ġesù fil-Galilija

(Mk 1,14-15; Lq 4,14-15)

12Meta Ġesù sama' li kienu arrestaw lil Ġwanni, warrab lejn il-Galilija.

13Telaq minn Nazaret u mar joqgħod Kafarnahum, qrib il-baħar, fl-inħawi ta'
Żebulun u Naftali,

14biex hekk iseħħ dak li kien ingħad permezz tal-profeta Isaija, meta qal,

15 'Art ta' Żebulun, u art ta' Naftali, it-triq tal-baħar, art 'il hemm mill-Ġordan,
Galilija tal-ġnus!


© 2020 Malta Bible Society.

16 Il-poplu li kien qiegħed fid-dlam ra dawl kbir; dawk li kienu f'art u dell il-mewt idda dawl għalihom.'

17 Minn dak iż-żmien Ġesù beda jxandar u jgħid: "Indmu għax is-Saltna tas-Smewwiet waslet."

### Ġesù jsejjaħ erba' sajjieda

(Mk 1,16-20; Lq 5,1-11)

18 Huwa u jdur ma' xatt il-baħar tal-Galilija lemaħ żewġt aħwa, Xmun jgħidulu Pietru, u ħuh Indrì, qegħdin jixħtu x-xbiek fil-baħar, għax kienu sajjieda.

19 U qalilhom: "Ejjew warajja, u nagħmilkom sajjieda tal-bnedmin."

20 U minnufih telqu x-xbiek, u marru warajh.

21 Wara li mexa minn hemm ra żewġt aħwa oħra, Ġakbu ta' Żebedew u ħuh Ġwanni, qegħdin fid-dgħajsa ma' missierhom Żebedew isewwu x-xbiek tagħhom, u sejħilhom.

22 Minnufih telqu d-dgħajsa u lil missierhom, u marru warajh.

### Ġesù jgħin u jaqdi folol kbar

(Mk 1,39; 3,7-8; Lq 4,14-15; 6,17-19)

23 U dar il-Galilija kollha jgħallem fis-sinagogi tagħhom, ixandar l-Evanġelju tas-Saltna u jfejjaq kull xorta ta' mard u dgħufija fost il-poplu.

24 Il-fama tiegħu xterdet mas-Sirja kollha, u bdew iġibulu lil kull min kellu xi hemm fuqu, dawk li kienu jbatu b'xi mard jew uġigħ, il-maħkumin mix-xitan, il-morda b'tal-qamar, il-mifluġin, u kien ifejjaqhom.

25 U bdew imorru warajh folol kbar mill-Galilija, mid-Dekapoli, minn Ġerusalemm u mil-Lhudija, u mill-inħawi 'l hemm mill-Ġordan.

## Mattew 5

### Id-diskors tal-muntanja

1 Kif ra l-folol, Ġesù tala' fuq il-muntanja, qagħad bilqiegħda, u resqu lejh id-dixxipli tiegħu.

2 Fetaħ fommu u qabad jgħallimhom u jgħid:

### Il-bnedmin il-hienja

(Lq 6,20-23)

3 "Henjin il-foqra fl-ispirtu, għax tagħhom hija s-Saltna tas-Smewwiet.

4 Henjin l-imnikkta, għax huma jkunu mfarrġa.

5 Henjin ta' qalbhom ħelwa, għax huma jkollhom b'wirthom l-art.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

6Henjin dawk li huma bil-ġuħ u l-għatx tal-ġustizzja, għax huma jkunu mxebbgħin.

7Henjin dawk li jħennu, għax huma jsibu ħniena.

8Henjin dawk li huma safja f'qalbhom, għax huma jaraw 'l Alla.

9Henjin dawk li jġibu l-paċi, għax huma jissejħu wlied Alla.

10Henjin dawk li huma ppersegwitati minħabba s-sewwa, għax tagħhom hija s-Saltna tas-Smewwiet.

11Henjin intom, meta jgħajrukom u jippersegwitawkom u jaqilgħu kull xorta ta' ħażen u gideb kontra tagħkom minħabba fija.

12Ifirħu u thennew, għax ħlaskom kbir fis-smewwiet. Hekk kienu jippersegwitawhom lill-profeti li kienu qabilkom."

### Il-melħ tal-art u d-dawl tad-dinja

(Mk 9,50; Lq 14,34-35)

13"Intom il-melħ tal-art. Imma jekk il-melħ jaqta', biex jerġa' jieħu t-togħma? Ma jibqa' tajjeb għal xejn iżjed ħlief biex jintrema barra u jintrifes min-nies.

14"Intom id-dawl tad-dinja. Belt li tkun qiegħda fuq muntanja ma tistax tinħeba.

15Anqas ma jixegħlu l-musbieħ u jqegħduh taħt is-siegħ, iżda fuq l-imnara, u hekk idawwal lil kull min ikun fid-dar.

16Hekk għandu jiddi d-dawl tagħkom quddiem il-bnedmin, biex jaraw l-għemejjel tajba tagħkom u jagħtu glorja lil Missierkom li hu fis-smewwiet.

### Tagħlim ta' Ġesù fuq il-Liġi

17"Xejn taħsbu li ġejt inwaqqa' l-Liġi jew il-Profeti; jiena ma ġejtx biex inwaqqagħhom, iżda biex inwassalhom għall-milja tagħhom.

18Tassew ngħidilkom, li sa ma jkunu għaddew is-sema u l-art anqas l-iżgħar ittra jew tikka waħda mil-Liġi ma titneħħa sa ma jkun seħħ kollox.

19Jekk mela xi ħadd iġib fix-xejn wieħed mill-iżgħar minn dawn il-kmandamenti u jgħallem lin-nies biex jagħmlu l-istess, dan jissejjaħ l-iżgħar fis-Saltna tas-Smewwiet. Imma min iħarishom u jgħallimhom, dan kbir jissejjaħ fis-Saltna tas-Smewwiet.

20"Ngħidilkom li, jekk il-ħajja tajba tagħkom ma tkunx ħafna aħjar minn dik tal-kittieba u l-Fariżej, ma tidħlux fis-Saltna tas-Smewwiet.

### Il-korla

(Lq 12,57-59)

21"Smajtu xi ntqal lin-nies ta' dari, 'La toqtolx.' Mela jekk xi ħadd joqtol ikun ħaqqu l-kundanna.


© 2020 Malta Bible Society.

22Imma jien ngħidilkom li l-kundanna tistħoqq ukoll lil min jinkorla għal ħuh. Jekk imbagħad xi ħadd lil ħuh jgħidlu, 'Ġifa', ikun ħaqqu l-kundanna tas-Sinedriju; u jekk jgħidlu, 'Iblah', ikun ħaqqu n-nar tal-infern.

23Mela jekk tkun qiegħed ittalla' l-offerta tiegħek fuq l-artal u hemm tiftakar li ħuk għandu xi ħaġa kontra tiegħek,

24ħalli l-offerta tiegħek hemmhekk quddiem l-artal u mur l-ewwel irranġa ma' ħuk, u mbagħad ejja talla' l-offerta tiegħek.

25Lil min ikun se jtellgħek il-qorti ħudu bil-kelma t-tajba mill-aktar fis waqt li tkun għadek miegħu fit-triq, li ma jmurx jagħtik f'idejn l-imħallef, u l-imħallef f'idejn l-għassies, u hekk issib ruħek fil-ħabs.

26Tassew ngħidlek, minn hemm ġew ma toħroġx qabel ma tkun ħallast l-aħħar tliet ħabbiet.

### L-adulterju

27"Smajtu xi ntqal, 'La tagħmilx adulterju.'

28Imma jiena ngħidilkom li kull min iħares lejn mara biex jixtieqha jkun ġa għamel adulterju magħha f'qalbu.

29Jekk għajnek il-leminija hi għalik okkażjoni ta' dnub, aqlagħha barra u armiha 'l bogħod minnek, għax aktar ikun jaqbillek jekk tintiliflek biċċa waħda minn ġismek milli ġismek kollu jinxteħet fl-infern.

30U jekk idek il-leminija hi għalik okkażjoni ta' dnub, aqtagħha barra u armiha 'l bogħod minnek, għax aktar ikun jaqbillek jekk tintiliflek biċċa waħda minn ġismek milli ġismek kollu jmur fl-infern.

### Id-divorzju

(Mt 19,9; Mk 10,11-12; Lq 16,18)

31"Intqal ukoll, 'Min jibgħat lil martu jkollu jagħtiha l-kitba tad-divorzju.'

32Imma jiena ngħidilkom li kull min jibgħat lil martu barra l-każ ta' żwieġ ħażin, iwaqqagħha fl-adulterju; u min jiżżewweġ waħda mibgħuta minn ħaddieħor jagħmel adulterju.

### Il-ġurament

33"Smajtu wkoll x'intqal lin-nies ta' dari, 'Tonqosx mill-wegħda li ħlift imma rodd lill-Mulej il-wegħdiet li ħliftlu.'

34Imma jiena ngħidilkom biex ma taħilfu xejn, u la bis-sema, għax hu t-tron ta' Alla,

35u la bl-art, għax fuqha jserraħ riġlejh, u lanqas b'Ġerusalemm, għaliex hija l-Belt tas-Sultan il-kbir.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

36U lanqas b'rasek ma għandek taħlef, għaliex inti anqas biss xagħra waħda ma għandek ħila tagħmilha bajda jew sewda.

37Mela ħa jkun id-diskors tagħkom, 'Iva, iva', 'Le, le'; kulma hu iżjed minn hekk ikun ġej mill-Ħażin.

### Il-vendetta

(Lq 6,29-30)

38"Smajtu x'intqal, 'Għajn b'għajn u sinna b'sinna'.

39Imma jiena ngħidilkom biex bniedem ħażin ma tiqfulux; anzi jekk xi ħadd jagħtik daqqa ta' ħarta fuq ħaddek tal-lemin, dawwarlu l-ieħor ukoll;

40u lil min ikun irid itellgħek il-qorti u jeħodlok il-libsa, ħallilu wkoll il-mantar.

41U jekk xi ħadd iġagħlek timxi miegħu mil wieħed, mur miegħu tnejn.

42Agħti lil min jitolbok u ddawwarx spallejk lil min ikun irid jissellef mingħandek.

### L-imħabba lejn l-għedewwa

(Lq 6,27-28.32-36)

43"Smajtu x'intqal, 'Ħobb lil għajrek, u obgħod lill-għadu tiegħek.'

44Imma jiena ngħidilkom: Ħobbu lill-għedewwa tagħkom, u itolbu għal dawk li jippersegwitawkom,

45biex tkunu wlied Missierkom li hu fis-smewwiet; għax hu jtalla' x-xemx tiegħu sew fuq il-ħżiena u sew fuq it-tajbin, u jniżżel ix-xita sew fuq min hu tajjeb u sew fuq min m'huwiex.

46Għax jekk intom tħobbu lil min iħobbkom, xi ħlas jistħoqqilkom? M'hux il-pubblikani wkoll jagħmluh dan?

47U jekk issellmu lil ħutkom biss, xi tkunu tagħmlu żejjed? M'hux il-pagani wkoll jagħmluh dan?

48Kunu mela perfetti, bħalma hu perfett Missierkom li hu fis-smewwiet."

## Mattew 6

### L-elemożina

1"Qisu li l-għemil tajjeb tagħkom ma tagħmluhx għal wiċċ in-nies biex tidhru quddiemhom, għax inkella ma jkollkomx ħlas mingħand Missierkom li hu fis-smewwiet.

2"Mela meta tagħmel karità, tmurx iddoqq it-trombi quddiemek, kif jagħmlu dawk ta' wiċċ b'ieħor fis-sinagogi u fit-triqat, biex in-nies tfaħħarhom. Tassew, ngħidilkom, li l-ħlas tagħhom ġa ħaduh.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

3Iżda int, meta tagħmel karità, idek ix-xellugija m'għandhiex tkun taf x'inhi tagħmel il-leminija,

4biex hekk il-karità tiegħek issir fil-moħbi, u Missierek, li jara dak li hu moħbi, iroddlok hu.

## It-talb

(Lq 11,2-4)

5"U meta titolbu, tkunux bħal dawk ta' wiċċ b'ieħor, għax dawk iħobbu joqogħdu jitolbu bilwieqfa fis-sinagogi u f'salib it-toroq, biex jidhru quddiem in-nies. Tassew, ngħidilkom, li l-ħlas tagħhom ġa ħaduh.

6Iżda int, meta titlob, idħol fil-kamra tiegħek ta' ġewwa, agħlaq il-bieb warajk, u itlob lil Missierek li hu fil-moħbi; u Missierek, li jara dak li hu fil-moħbi, iroddlok hu.

7Intom u titolbu toqogħdux tlabalbu bħall-pagani; dawn mingħalihom li, iktar ma jgħidu, iktar jinstemgħu.

8Tkunux bħalhom, għax Missierkom jaf x'teħtieġu, qabel ma titolbuh intom.

9Mela itolbu hekk: 'Missierna, li inti fis-smewwiet, jitqaddes ismek,

10tiġi saltnatek, ikun li trid int, kif fis-sema, hekkda fl-art.

11Hobżna ta' kuljum agħtina llum.

12Aħfrilna dnubietna, bħalma naħfru lil min hu ħati għalina.

13U la ddaħħalniex fit-tiġrib, iżda eħlisna mid-deni.'

14Għax jekk intom taħfru lill-bnedmin il-ħtijiet tagħhom, Missierkom li hu fis-smewwiet jaħfer lilkom ukoll.

15Imma jekk intom ma taħfrux lill-bnedmin il-ħtijiet tagħhom, anqas Missierkom ma jaħfer lilkom il-ħtijiet tagħkom.

## Is-sawm

16"Meta ssumu, tqarrsux wiċċkom, bħalma jagħmlu dawk ta' wiċċ b'ieħor, għax dawn ikerrhu wiċċhom biex quddiem in-nies jidhru li huma sajmin. Tassew, ngħidilkom, li l-ħlas tagħhom ġa ħaduh.

17Iżda int, meta tkun sajjem, idlek xagħrek u aħsel wiċċek,

18biex mhux quddiem in-nies tidher li tkun sajjem, imma quddiem Missierek li hu fil-moħbi; u Missierek, li jara dak li hu fil-moħbi, iroddlok hu.

## Teżori fis-sema

(Lq 12,33-34)

19"Tgeddsux għalikom teżori f'din id-dinja, fejn kollox jitmermer bil-kamla u s-sadid, u fejn il-ħallelin jinfdu u jisirqu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

20Iżda ġemmgħu għalikom teżori fis-sema, fejn xejn ma jitmermer u la bil-kamla u lanqas bis-sadid, u fejn ma hemmx ħallelin jinfdu u jisirqu.

21Għax fejn hemm it-teżor tiegħek, hemm tinsab qalbek ukoll.

### Id-dawl tal-bniedem
(Lq 11,34-36)

22"Il-musbieħ tal-ġisem hija l-għajn. Jekk mela għajnek hija safja, ġismek kollu jkun imdawwal.

23Iżda jekk għajnek hi marida, ġismek kollu jkun mudlam. Mela jekk id-dawl li hemm fik huwa dlam, kemm aktar id-dlam!

### Alla u l-flus
(Lq 16,13)

24"Ħadd ma jista' jaqdi żewġ sidien; għax jew ikun jobgħod lil wieħed u jħobb lill-ieħor, jew jintrabat ma' wieħed u jistmell lill-ieħor. Ma tistgħux taqdu lil Alla u lill-flus.

### L-inkwiet u t-tħassib
(Lq 12,22-31)

25"Għalhekk ngħidilkom: tinkwetawx ruħkom għal ħajjitkom, x'se tieklu jew x'tixorbu, anqas għal ġisimkom x'se tilbsu. Jaqaw il-ħajja m'hijiex aqwa mill-ikel, u l-ġisem aqwa mill-ilbies?

26Harsu lejn l-għasafar tas-sema; la jiżirgħu u lanqas jaħsdu u lanqas igeddsu fl-imħażen, u madankollu Missierkom li hu fis-smewwiet jitmagħhom! Intom ma tiswewx aktar minnhom?

27U min minnkom, bl-inkwiet kollu tiegħu, se jseħħlu jtawwal għomru mqar b'jum wieħed biss?

28U għall-ilbies għalfejn tinkwetaw ruħkom? Harsu lejn il-ġilji tal-għelieqi, kif jikbru! U la jitħabtu u lanqas jinsġu.

29Madankollu, ngħidilkom, anqas Salamun, fil-glorja kollha tiegħu, ma kien jilbes bħal wieħed minnhom.

30Mela jekk Alla jlibbes hekk imqar ħaxixa selvaġġa li llum hawn u għada tinxteħet fil-forn, kemm aktar lilkom, nies ta' fidi ċkejkna!

31Għalhekk toqogħdux tinkwetaw ruħkom u tgħidu, "X'se nieklu?' jew 'X'se nixorbu?' jew 'X'se nilbsu?',

32għax dawn huma kollha ħwejjeġ li jfittxuhom il-pagani. Imma Missierkom li hu fis-smewwiet jaf li dan kollu teħtiġuh.

33Mela fittxu l-ewwel is-Saltna u l-ġustizzja ta' Alla, u dan kollu jingħatalkom ukoll.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

34Mela toqogħdux tħabblu raskom għall-għada, għax il-jum ta' għada jħabbel rasu hu għalih innifsu. Biżżejjed hu għall-jum it-taħbit tal-ġurnata."

## Mattew 7

### Tiġġudikawx

(Lq 6,37-38.41-42)

1"Tiġġudikawx, biex ma tkunux iġġudikati;

2għax bl-istess ġudizzju li tagħmlu intom, tkunu ġġudikati; u bl-istess kejl li tkejlu intom, jitkejjel lilkom.

3Xi trid tħares lejn it-tibna li hemm f'għajn ħuk? Għax ma tarax it-travu li għandek f'għajnek int?

4Jew kif tmur tgħid lil ħuk, 'Ha nneħħilek it-tibna minn għajnek,' meta inti stess f'għajnek għandek travu?

5Ja wiċċ b'ieħor, neħħi l-ewwel it-travu li għandek f'għajnek int, ħalli mbagħad tara sewwa tneħħi t-tibna minn għajn ħuk!

6Tagħtux lill-klieb dak li hu qaddis, u tixħtux il-ġawhar tagħkom quddiem il-ħnieżer li ma jmorrux jgħaffġuhom b'saqajhom u mbagħad iduru għalikom u jqattgħukom bi snienhom.

### Fittxu, ħabbtu, itolbu

(Lq 11,9-13)

7"Itolbu, u jingħatalkom; fittxu, u ssibu; ħabbtu, u jiftħulkom.

8Għax kull min jitlob, jaqla', min ifittex isib, u min iħabbat jiftħulu.

9Min hu dak il-bniedem fostkom li, jekk ibnu jitolbu biċċa ħobż, sejjer jagħtih ġebla?

10Jew jekk jitolbu ħuta, sejjer jagħtih serp?

11Mela jekk intom, nies ħżiena bħalkom, tafu tagħtu lil uliedkom ħwejjeġ tajba, kemm aktar Missierkom li hu fis-smewwiet jagħti ħwejjeġ tajba lil min jitlobhomlu?

12Mela dak kollu li tridu li l-bnedmin jagħmlu lilkom, agħmluh ukoll intom lilhom; għax din hi l-Liġi u l-Profeti.

### Il-bieb id-dejjaq

(Lq 13,24)

13"Għaddu mill-bieb id-dejjaq. Għax wiesa' l-bieb u spazjuża t-triq li tieħu għat-telfien, u ħafna huma li jgħaddu minnha.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

14Imma kemm huwa dejjaq il-bieb u dejqa t-triq li tieħu għall-ħajja, u ftit huma li jsibuha!

### Is-siġra tingħaraf mill-frott

(Lq 6,43-44)

15“Iftħu għajnejkom mill-profeti foloz; għax dawn jiġu għandkom libsin ta' nagħaġ, u minn ġewwa jkunu lpup ħattafa!

16Mill-frott tagħhom tagħrfuhom. Jaqaw jiġbru għeneb mix-xewk, jew tin mill-għollieq?

17Hekk kull siġra tajba frott tajjeb tagħmel, imma s-siġra l-ħażina frott ħażin tagħmel.

18Siġra tajba ma tistax tagħmel frott ħażin, anqas siġra ħażina ma tagħmel frott tajjeb.

19Kull siġra li ma tagħmilx frott tajjeb titqaċċat u tinxteħet fin-nar.

20Għalhekk mill-frott tagħhom tagħrfuhom.

### Lilkom qatt ma kont nafkom

(Lq 6,46; 13,25-27)

21“Mhux kull min jgħidli, ‘Mulej, Mulej’, jidħol fis-Saltna tas-Smewwiet, iżda min jagħmel ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet!

22F'dak il-jum ikun hemm ħafna li jgħiduli, ‘Mulej, Mulej, mhux f'ismek ħabbarna aħna, u mhux f'ismek keċċejna x-xjaten u f'ismek għamilna ħafna mirakli?’

23Imbagħad jien ngħidilhom, ‘Lilkom qatt ma kont nafkom! Warrbu minn quddiemi, intom li tagħmlu l-ħażen!’

### Sisien tajba u sisien ħżiena

(Lq 6,47-49)

24“Għalhekk, kull min jisma' dan kliemi u jagħmel li qiegħed ngħid jien, isir jixbah lil bniedem għaqli li bena daru fuq il-blat.

25Niżlet ix-xita, ġew il-widien, qamu l-irwiefen u ħabtu fuq dik id-dar, iżda ma ġġarrfitx għax kellha s-sisien tagħha fuq il-blat.

26Imma kull min jisma' dan kliemi u ma jagħmilx li qiegħed ngħid jien, isir jixbah lil bniedem iblah li bena daru fuq ir-ramel.

27Niżlet ix-xita, ġew il-widien, qamu l-irwiefen u ħabtu fuq dik id-dar, u ġġarrfet; u kbira kienet il-qerda tagħha!”

### Is-setgħa ta' Ġesù

(Mk 1,22; Lq 7,1; 4,32)

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[28]Ġara li, meta Ġesù temm dan id-diskors, in-nies baqgħu mistagħġba bit-tagħlim tiegħu,

[29]għax hu kien jgħallimhom bħal wieħed li għandu s-setgħa, u mhux bħall-kittieba tagħhom.

## Mattew 8

### Ġesù jfejjaq wieħed lebbruż

(Mk 1,40-45; Lq 5,12-16)

[1]Kif niżel minn fuq il-muntanja, folol kbar marru warajh.

[2]U resaq fuqu wieħed lebbruż, inxteħet quddiemu u qallu, "Mulej, jekk trid, tista' tfejjaqni."

[3]Ġesù medd idu fuqu, messu u qallu: "Irrid; kun imfejjaq." U minnufih ġismu ndaf mil-lebbra.

[4]U qallu Ġesù: "Qis li ma tgħid lil ħadd; iżda mur uri ruħek lill-qassis u agħmel l-offerta li ordna Mosè, biex hekk tagħti xhieda li inti fiqt."

### Ġesù jfejjaq il-qaddej ta' ċenturjun

(Lq 7,1-10; Ġw 4,46-53)

[5]Daħal Kafarnahum, u resaq fuqu wieħed ċenturjun jitolbu bil-ħerqa

[6]u jgħidlu: "Sinjur, id-dar għandi l-qaddej mixħut, mifluġ u batut wisq."

[7]Qallu Ġesù: "Niġi jien infejqu."

[8]"Sinjur", qallu ċ-ċenturjun, "Ma jistħoqqlix li tidħol taħt is-saqaf tiegħi. Iżda int ordna biss b'kelma, u l-qaddej tiegħi jfiq.

[9]Għax jien ukoll bniedem taħt is-setgħa ta' ħaddieħor, u jien stess għandi suldati taħti; lil wieħed ngħidlu, 'Mur', u jmur; lil ieħor ngħidlu, 'Ejja', u jiġi; u lill-ilsir tiegħi ngħidlu, 'agħmel dan', u jagħmlu."

[10]Ġesù baqa' mistagħġeb meta sama' dan, u qal lil dawk li kienu miexja warajh: "Tassew, ngħidilkom, f'ħadd minn Iżrael ma sibt fidi bħal din.

[11]Jiena ngħidilkom li għad jiġu ħafna mil-Lvant u mill-Punent u joqogħdu fuq il-mejda ma' Abraham u ma' Iżakk u ma' Ġakobb fis-Saltna tas-Smewwiet,

[12]waqt li dawk li twieldu fis-Saltna jitkeċċew 'il barra fid-dlam; hemmhekk ikun hemm il-biki u t-tgħażżiż tas-snien!"

[13]Imbagħad Ġesù qal liċ-ċenturjun: "Mur, ħa jsirlek kif emmint!" U l-qaddej fieq dak il-ħin stess.

### Ġesù jfejjaq ħafna nies

(Mk 1,29-34; Lq 4,38-41)

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

14Ġesù mar fid-dar ta’ Pietru, u ra li omm il-mara ta’ Pietru kienet mixħuta bid-
deni.

15Messilha idha, u d-deni ħallieha; imbagħad qamet u bdiet isservih.

16Filgħaxija mbagħad ġabulu quddiemu bosta li kienu maħkuma mix-xitan, u
bil-kelma tiegħu keċċa l-ispirti, u fejjaq il-morda kollha.

17Biex hekk seħħ dak li kien ingħad permezz tal-profeta Isaija, meta qal: “Hu
rafa’ fuqu d-dgħufija tagħna, u tgħabba bil-mard tagħna.”

### X’jistenna Ġesù mid-dixxipli tiegħu
(Lq 9,57-62)

18Meta ra ruħu mdawwar b’ħafna nies, Ġesù ordna li jaqsmu għax-xatt l-ieħor.

19Imbagħad resaq fuqu wieħed mill-kittieba u qallu: “Mgħallem, tmur fejn tmur,
jiena niġi warajk.”

20Imma Ġesù wieġbu: “Il-volpijiet għandhom l-għerien tagħhom, u l-għasafar
tas-sema l-bejtiet; iżda Bin il-bniedem ma għandux fejn imidd rasu.”

21Ieħor, wieħed mid-dixxipli, qallu: “Mulej, ħallini l-ewwel immur nidfen lil
missieri.”

22Ġesù wieġbu: “Imxi warajja, u ħalli l-mejtin jidfnu l-mejtin tagħhom.”

### Ġesù jsikket it-tempesta
(Mk 4,35-41; Lq 8,22-25)

23Ġesù tala’ fuq dgħajsa, u d-dixxipli marru warajh.

24U qamet taqliba kbira fuq il-baħar, hekk li l-mewġ beda jgħatti d-dgħajsa; iżda
hu kien rieqed.

25Id-dixxipli resqu fuqu, qajmuh u qalulu: “Salvana, Mulej! Se nintilfu!”

26U qalilhom: “Dan il-biża’ kollu għalfejn, ja nies ta’ fidi ċkejkna?” Imbagħad
qam, ordna lill-irjieħ u lill-baħar, u waqqgħet kalma kbira.

27Dawk stagħġbu, u bdew jgħidu: “Dan xi bniedem hu, biex sa l-irjieħ u l-baħar
jisimgħu minnu?”

### Ġesù jfejjaq żewġ imxajtna
(Mk 5,1-20; Lq 8,26-39)

28Wasal ix-xatt l-ieħor, fil-pajjiż tal-Gadarin, u tnejn min-nies, maħkumin mix-
xitan, ħarġu mill-oqbra u resqu fuqu. Kienu qliel wisq; ħadd ma kien jista’
jgħaddi bihom minn dik it-triq.

29U nfexxew jgħajtu u jgħidu: “Aħna x’għandna x’naqsmu, Bin Alla? Ġejt hawn
biex taħqarna qabel iż-żmien?”

30Mela ftit ’il bogħod minnhom kien hemm merħla kbira ta’ ħnieżer tirgħa.


© 2020 Malta Bible Society.

31U x-xjaten talbu ħafna lil Ġesù u qalulu: "Jekk toħroġna, ibgħatna fil-merħla
tal-ħnieżer."

32"Morru," qalilhom. Imbagħad ħarġu, u daħlu fil-ħnieżer, u l-merħla kollha
nxteħtet mill-għoli tax-xaqliba għal ġol-baħar u nqerdet fl-ilma.

33Ir-rgħajja ħarbu u marru l-belt ixerrdu l-aħbar ta' kollox u ta' kulma kien
għadda minn għala l-imxajtna.

34U l-belt ħarġet bi ħġarha għal ħdejn Ġesù u kif rawh, bdew jitolbuh ħafna biex
jibqa' sejjer 'il barra minn pajjiżhom.

## Mattew 9

### Ġesù jfejjaq wieħed mifluġ

(Mk 2,1-12; Lq 5,17-26)

1U tala' f'dgħajsa, qasam il-baħar u baqa' sejjer fil-belt tiegħu.

2U ħadulu quddiemu wieħed mifluġ, mixħut fuq friex. Kif ra l-fidi tagħhom, Ġesù
qal lill-mifluġ: "Agħmel il-qalb, ibni; dnubietek maħfura."

3Xi wħud mill-kittieba bdew jgħidu fihom infushom: "Dan qiegħed jidgħi!"

4Ġesù għaraf x'kienu qegħdin jaħsbu, u qalilhom: "Imma għaliex qegħdin
taħsbu ħażin f'qalbkom?

5Għax x'inhu l-eħfef, tgħid 'Dnubietek maħfura,' jew tgħid 'Qum u imxi'?

6Mela biex tkunu tafu li Bin il-bniedem għandu s-setgħa jaħfer id-dnubiet fuq l-
art" - qal lill-mifluġ - "Qum, aqbad il-friex u mur lejn darek."

7Dak qam u telaq lejn daru.

8In-nies, meta raw dan, beżgħu u qabdu jfaħħru lil Alla li ta setgħa bħal din lill-
bnedmin.

### Is-sejħa ta' Mattew

(Mk 2,13-17; Lq 5,27-32)

9Huwa u għaddej minn hemm, Ġesù ra wieħed bilqiegħda quddiem il-mejda tat-
taxxi; kien jismu Mattew. "Ejja warajja," qallu. Dak qam u mar warajh.

10U ġara li, kif qagħad għandu għall-mejda, ġew bosta pubblikani u midinbin u
qagħdu madwar il-mejda ma' Ġesù u d-dixxipli tiegħu.

11Meta raw dan il-Fariżej qalu lid-dixxipli: "Għaliex jiekol mal-pubblikani u l-
midinbin l-Imgħallem tagħkom?"

12Hu semagħhom, u qal: "It-tabib ma jeħtiġuhx dawk li huma f'saħħithom, iżda
l-morda.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

13Mela morru tgħallmu x'jiġifieri, 'Ħniena rrid, u mhux sagrifiċċju'; għax mhux
lill-ġusti ġejt insejjaħ, iżda lill-midinbin."

### Mistoqsija fuq is-sawm
(Mk 2,18-22; Lq 5,33-39)

14Imbagħad resqu lejh id-dixxipli ta' Ġwanni u qalulu: "Għaliex aħna u l-Fariżej
insumu, u d-dixxipli tiegħek ma jsumux?"

15Qalilhom Ġesù: "Huwa l-mistednin tal-għarus se jsewdu qalbhom sakemm l-
għarus ikun għadu magħhom? Imma jasal il-jum meta l-għarus jeħduhulhom
minn magħhom, u mbagħad isumu.

16Ħadd ma jraqqa' libsa qadima b'biċċa drapp ġdida, għax inkella r-roqgħa
ssellet il-libsa, u t-tiċrita tikber.

17Anqas ma jqiegħdu l-inbid il-ġdid f'damiġġani qodma tal-ġild, għax inkella d-
damiġġani jinfaqgħu, l-inbid jixtered, u d-damiġġani jintilfu. Iżda nbid ġdid
jitfgħuh f'damiġġani ġodda, u hekk iżommu t-tnejn."

### Ġesù jfejjaq mara u jqajjem tifla mill-mewt
(Mk 5,21-43; Lq 8,40-56)

18Kif kien għadu jgħidilhom dan, resaq lejh wieħed mill-kapijiet, inxteħet
f'riġlejh u qallu: "Binti iss'issa għadha kemm mietet. Imma int ejja qiegħed idek
fuqha u hija tgħix."

19Ġesù qam u mar warajh flimkien mad-dixxipli tiegħu.

20Mela waħda mara, li kienet ilha tnax-il sena sħaħ tbati bit-tnixxija tad-demm,
resqet lejh minn wara u messitlu t-tarf tal-libsa,

21għax bejnha u bejn ruħha qalet: "Imqar jekk immiss il-libsa tiegħu, infiq."

22Ġesù dar, lemaħha, u qalilha: "Agħmel il-qalb, binti; il-fidi tiegħek fejqitek." U
minn dak il-ħin stess il-mara fieqet.

23Meta daħal għand il-kap, Ġesù ra d-daqqaqa tal-flawt u folla nies jagħmlu
storbju sħiħ;

24u qalilhom: "Warrbu, għax it-tifla m'hijiex mejta, imma rieqda." U qabdu
jiddieħku bih.

25Iżda hu keċċa n-nies 'il barra, daħal, qabad id it-tifla u din qamet.

26U din l-aħbar xterdet ma' dak il-pajjiż kollu.

### Ġesù jfejjaq żewġ għomja

27Waqt li Ġesù kien għaddej minn hemm marru warajh żewġ għomja jgħajtu u
jgħidu: "Bin David, ħenn għalina!"

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

28Meta mbagħad daħal id-dar, l-għomja resqu lejh u Ġesù qalilhom: "Temmnu
intom li jien nista' nagħmlu dan?" Qalulu: "Iva, Mulej."

29Imbagħad messilhom għajnejhom u qal: "Mela ħa jsirilkom skont il-fidi
tagħkom."

30U għajnejhom infetħulhom. Ġesù widdibhom bis-sħiħ u qalilhom: "Qisu li
ħadd ma jsir jaf b'dan."

31Iżda dawk ħarġu u bdew ixerrdu l-fama tiegħu ma' dak il-pajjiż kollu.

### Ġesù jfejjaq wieħed imbikkem

32Kif dawk ħarġu, in-nies ġabulu quddiemu wieħed imbikkem maħkum mix-
xitan.

33Ġesù keċċa x-xitan, u l-imbikkem qabad jitkellem. In-nies stagħġbu, u bdew
jgħidu: "Haġa bħal din qatt ma dehret f'Iżrael!"

34Imma l-Fariżej qalu: "Dan bis-saħħa tal-Prinċep tax-xjaten qiegħed ikeċċi x-
xjaten."

### Ġesù jħoss għan-nies

35Ġesù dar l-ibliet kollha u l-irħula jgħallem fis-sinagogi, ixandar l-Evanġelju
tas-Saltna, u jfejjaq kull xorta ta' mard u 'l kull min kien nieqes minn saħħtu.

36Ra n-nies u tħassarhom, għax kienu mdejqa u mitluqa bħal nagħaġ bla ragħaj.

37Imbagħad qal lid-dixxipli tiegħu: "Il-ħsad huwa kbir, iżda l-ħaddiema ftit.

38Itolbu mela lil Sid il-ħsad biex jibgħat ħaddiema għall-ħsad tiegħu."

## Mattew 10

### Ġesù jagħżel it-Tnax

(Mk 3,13-19; Lq 6,12-16)

1Sejjaħ lejh it-tnax-il dixxiplu tiegħu, u tahom is-setgħa fuq l-ispirti ħżiena biex
ikeċċuhom, u jfejqu kull xorta ta' mard u 'l kull min kien nieqes minn saħħtu.

2L-ismijiet tat-tnax-l appostlu huma dawn: l-ewwel Xmun, jgħidulu Pietru, u
ħuh Indrì, u Ġakbu ta' Żebedew, u ħuh Ġwanni,

3Filippu u Bartilmew, Tumas u Mattew il-pubblikan, Ġakbu ta' Alfew, u Taddew,

4Xmun il-Kanani, u Ġuda l-Iskarjota, li mbagħad ittradieh.

### Il-missjoni tat-Tnax

(Mk 6,7-13; Lq 9,1-6)

5Lil dawn it-tnax Ġesù bagħathom b'dawn l-ordnijiet: "Taqbdux triq il-pagani,
u tidħlux f'belt tas-Samaritani;

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

6imma qabel xejn morru fittxu n-nagħaġ il-mitlufa tad-dar ta' Iżrael.

7Intom u sejrin, xandru u għidu li s-Saltna tas-Smewwiet waslet.

8Fejqu l-morda, qajmu l-mejtin, fejqu l-lebbrużi, keċċu x-xjaten. B'xejn ħadtu, b'xejn agħtu.

9Tfittxux li jkollkom flus fuqkom, la tad-deheb, la tal-fidda u lanqas tar-ram;

10u la ħorġa għat-triq, la żewġ ilbiesi, la qrieq u lanqas ħatar, għax il-ħaddiem ħaqqu ħobżu.

11Fil-belt jew raħal fejn tidħlu, araw ikunx hemm min jixraqlu tmorru għandu, u ibqgħu f'daru sa ma titilqu minn hemm.

12Meta tidħlu f'dar, sellmu lin-nies tagħha,

13u jekk tkun dar li jixirqilha, ħa jiġi fuqha s-sliem tagħkom. Imma jekk tkun dar li ma jixirqilhiex, ħa jerġa' lura għandkom is-sliem tagħkom.

14Jekk imbagħad xi ħadd ma jilqagħkomx u ma jismax minn kliemkom, oħorġu 'l barra minn dik id-dar jew belt u farfru t-trab ta' saqajkom.

15Tassew, ngħidilkom, li jum il-ħaqq ikun eħfef għal Sodoma u Gomorra milli għal dik il-belt.

### Id-dixxipli ta' Ġesù jkunu ppersegwitati
(Mk 13,9-13; Lq 21,12-19)

16"Ara, jiena qiegħed nibgħatkom bħal nagħaġ qalb l-ilpup. Kunu mela għaqlin bħas-sriep u safjin bħall-ħamiem.

17Oqogħdu attenti mill-bnedmin! Għax għad jerħukom f'idejn il-qrati, jagħtukom is-swat fis-sinagogi tagħhom,

18itellgħukom quddiem gvernaturi u slaten minħabba fija, biex tagħtu xhieda quddiemhom u quddiem il-pagani.

19Iżda meta jerħukom f'idejhom, tinkwetawx ruħkom kif se titkellmu jew x'se tgħidu, għax dak il-ħin stess jingħatalkom xi jkollkom tgħidu.

20Għax mhux intom tkunu li titkellmu, imma l-Ispirtu ta' Missierkom ikun qiegħed jitkellem permezz tagħkom.

21L-aħwa jwasslu lil xulxin għall-mewt u l-missier lil ibnu, u l-ulied iqumu kontra l-ġenituri tagħhom biex tinqatgħalhom għall-mewt.

22U lilkom kulħadd isir jobgħodkom minħabba f'ismi. Imma min jibqa' jżomm sħiħ sal-aħħar, dan isalva.

23Jekk jippersegwitawkom f'belt, aħarbu f'oħra. Tassew ngħidilkom, ma tkunux dortu l-bliet kollha ta' Iżrael sa ma jiġi Bin il-bniedem.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

24“Ma hemmx dixxiplu aqwa mill-imgħallem, anqas ilsir aqwa minn sidu.

25Biżżejjed għad-dixxiplu jekk joħroġ jixbah lill-imgħallem tiegħu u l-ilsir lil
sidu. Jekk lil sid id-dar tawh il-laqam ta’ Begħelżebul, kemm aktar lin-nies ta’
daru!

### Minn min għandkom tibżgħu
(Lq 12,2-9)

26“Għalhekk la tibżgħux minnhom. Għax xejn ma hu mgħotti li ma jinkixifx, u
xejn ma hu moħbi li ma jsirx magħruf.

27Dak li jien ngħidilkom fid-dlam għiduh fid-dawl, u dak li ngħidilkom
f’widnejkom xandruh minn fuq il-bjut.

28U tibżgħux minn dawk li joqtlu l-ġisem bla ma jistgħu joqtlu r-ruħ; imma aktar
ibżgħu minn dak li jista’ jeqred kemm ir-ruħ u kemm il-ġisem fl-infern.

29Żewġ għasafar tal-bejt mhux b’ħabba jinbiegħu? U b’danakollu anqas wieħed
minnhom ma jaqa’ fl-art mingħajr ir-rieda ta’ missierkom.

30Intom imbagħad sa x-xagħar ta’ raskom kollu hu magħdud.

31Mela xejn la tibżgħu; intom aqwa minn ħafna għasafar tal-bejt.

### Id-dixxiplu jistqarr li hu ma’ Ġesù
(Lq 12,8-9)

32“Kull min jistqarr quddiem il-bnedmin li hu miegħi, jien ukoll nistqarr li jiena
miegħu quddiem Missieri li hu fis-smewwiet.

33Iżda min jiċħad lili quddiem il-bnedmin, jien ukoll niċħad lilu quddiem
Missieri li hu fis-smewwiet.

### Mhux il-paċi, imma s-sejf
(Lq 12,15-53; 14,26-27)

34“Taħsbux li jiena ġejt inġib il-paċi fuq l-art! Ġejt inġib mhux il-paċi, imma s-
sejf.

35 Iva, ġejt nifred lill-bniedem minn missieru, lill-bint minn ommha, u lill-mara
minn omm żewġha;

36 u l-bniedem ikollu n-nies ta’ daru stess għedewwa tiegħu.

37Min iħobb lil missieru jew lil ommu iżjed minni ma jistħoqqlux li jkun miegħi;
min iħobb lil ibnu jew lil bintu iżjed minni ma jistħoqqlux li jkun tiegħi.

38U min ma jerfax salibu u jimxi warajja ma jistħoqqlux li jkun miegħi.

39Min isib lil ħajtu, jitlifha; u min jitlef lil ħajtu minħabba fija jsibha.

### Il-ħlas tal-bniedem ġust
(Mk 9,41)


© 2020 Malta Bible Society.

40“Min jilqa’ lilkom jilqa’ lili, u min jilqa’ lili jkun jilqa’ lil dak li bagħatni.

41Min jilqa’ profeta għax hu profeta, ħlas ta’ profeta jieħu; u min jilqa’ bniedem
ġust għax hu ġust, ħlas ta’ wieħed ġust jieħu.

42U kull min jagħti mqar tazza ilma frisk lil xi ħadd minn dawn l-iżgħar għax hu
dixxiplu, tassew ngħidilkom li ma jitlifx il-ħlas tiegħu.”

## Mattew 11

### Il-messaġġiera ta’ Ġwanni l-Battista

(Lq 7,18-35)

1Meta mbagħad Ġesù temm jagħti dawn it-twissijiet lit-tnax-il dixxiplu tiegħu,
telaq minn hemm biex jippriedka fl-ibliet tagħhom.

2Ġwanni, li kien fil-ħabs sama’ bl-għemejjel tal-Messija, u bagħat għandu tnejn
mid-dixxipli tiegħu

3u qallu: “Inti huwa dak li għandu jiġi, jew nistennew lil ħaddieħor?”

4Ġesù wieġeb u qalilhom: “Morru agħtu lil Ġwanni l-aħbar ta’ dak li qegħdin
tisimgħu u taraw:

5l-għomja jaraw, iz-zopop jimxu, il-lebbrużi jfiqu, it-torox jisimgħu, il-mejtin
iqumu, l-Evanġelju jixxandar lill-foqra.

6Hieni hu min ma jitfixkilx minħabba fija!”

7Meta dawk telqu, Ġesù qabad ikellem lin-nies fuq Ġwanni: “Xi ħriġtu taraw fid-
deżert? Qasba tixxejjer mar-riħ?

8Xi ħriġtu taraw? Raġel liebes fin? Dawk li jilbsu fin fil-palazzi tas-slaten
issibhom.

9Mela xi ħriġtu taraw? Profeta? Iva, ngħidilkom, anzi xi ħaġa iżjed minn profeta.

10Dan hu li fuqu hemm miktub, ‘Ara, jiena nibgħat qablek il-ħabbâr tiegħi biex
iħejji triqtek quddiemek.’

11Tassew, ngħidilkom, li fost ulied in-nisa ħadd ma qam akbar minn Ġwanni l-
Battista. U b’danakollu l-iżgħar wieħed fis-Saltna tas-Smewwiet hu akbar
minnu.

12Minn żmien Ġwanni l-Battista sal-lum is-Saltna tas-Smewwiet il-bnedmin
qegħdin jitħabtu bis-sħiħ għaliha, u dawk li jitħabtu bis-sħiħ jaħtfuha.

13Għax il-Profeti kollha, u wkoll il-Liġi, ħabbru sa żmien Ġwanni,

14u, jekk tridu temmnuni, dan hu Elija li għandu jiġi.


© 2020 Malta Bible Society.

15Min għandu widnejn ħa jisma'!

16"Imma ma' min se nxebbhu dan in-nisel? Inxebbhu lil qabda tfal bilqiegħda
fil-pjazez jgħajtu lil sħabhom

17u jgħidu: 'Daqqejnielkom il-flawt, u ma żfintux, għannejnielkom in-niket, u ma
bkejtux!'

18Għax tassew, ġie Ġwanni, la jiekol u lanqas jixrob, u qegħdin jgħidu, 'Għandu
fih xitan.'

19Ġie Bin il-bniedem, jiekol u jixrob, u qegħdin jgħidu, 'Araw, xi bniedem
wikkiel u sakranazz, ħabib tal-pubblikani u l-midinbin.' Imma l-għerf ta' Alla
tawh raġun l-opri tiegħu stess."

### Saħta fuq il-bliet li ma nidmux

(Lq 10,13-15)

20Ġesù mbagħad qabad iċanfar bis-sħiħ l-ibliet li ma wrewx indiema minkejja
l-ħafna mirakli li kien għamel fihom:

21"Ħażin għalik, Korożajn! Ħażin għalik, Betsajda! Għax kieku l-mirakli li saru
fikom saru f'Tir u Sidon, kieku ilhom li wrew indiema bl-ilbies tal-ixkejjer u l-
irmied.

22Iżda ngħidilkom li jum il-ħaqq se jkun eħfef għal Tir u Sidon milli għalikom.

23U int, Kafarnahum, taħseb li se titgħolla sas-sema? Sal-qiegħ nett għad
tinxteħet! Għax kieku l-mirakli li saru fik saru f'Sodoma, kieku għadha wieqfa
sal-lum.

24Imma ngħidilkom li jum il-ħaqq se jkun eħfef għall-art ta' Sodoma milli
għalik."

### Ejjew għandi, u jiena nserraħkom

(Lq 10,21-22)

25F'dak iż-żmien Ġesù qabad u qal: "Infaħħrek, Missier, Sid is-sema u l-art, għax
inti dawn il-ħwejjeġ ħbejthom lil min għandu l-għerf u d-dehen u wrejthom liċ-
ċkejknin.

26Iva, Missier, għax lilek hekk għoġbok.

27"Kollox kien mogħti lili minn Missieri, u ħadd ma jagħraf lill-Iben jekk mhux
il-Missier, kif ħadd ma jagħraf lill-Missier jekk mhux l-Iben u dak li lilu l-Iben
irid jgħarrafhulu.

28"Ejjew għandi, intom ilkoll li tinsabu mħabbtin u mtaqqlin, u jiena
nserraħkom.

29Hudu fuqkom il-madmad tiegħi u tgħallmu minni, għaliex jiena ta' qalb ħelwa
u umli, u intom issibu l-mistrieħ għal ruħkom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

30Għax il-madmad tiegħi ħelu u t-toqol tiegħi ħafif."

## Mattew 12

### Id-dixxipli jaqtgħu s-sbul is-Sibt

(Mk 2,23-28; Lq 6,1-5)

1Darba waħda, is-Sibt, Ġesù kien għaddej minn għalqa miżrugħa. Issa lid-
dixxipli tiegħu ħadhom il-ġuħ; u bdew jaqtgħu s-sbul u jikluh.

2Imma rawhom il-Fariżej, u qalulu: "Ara, id-dixxipli tiegħek jagħmlu dak li ma
jiswiex nhar ta' Sibt."

3U hu qalilhom: "Ma qrajtux x'għamel David meta kien bil-ġuħ, hu u dawk li
kienu miegħu?

4Ma qrajtux kif daħal fid-dar ta' Alla u kiel il-ħobż tal-preżenza ta' quddiem il-
Mulej, li la hu u lanqas dawk li kienu miegħu ma kienu jistgħu jieklu minnu,
imma l-qassisin biss?

5Jew ma qrajtux fil-Liġi li nhar ta' Sibt il-qassisin fit-tempju jiksru s-Sibt bla ma
jonqsu?

6Ngħidilkom li hawnhekk hawn min hu aqwa mit-tempju.

7Li kieku kontu tafu xi jfissru l-kelmiet, 'Ħniena rrid, u mhux sagrifiċċju', ma
kontux tikkundannaw lil min hu bla ħtija.

8Għax Bin il-bniedem huwa Sid is-Sibt."

### Ir-raġel b'idu niexfa

(Mk 3,1-6; Lq 6,6-11)

9Telaq minn hemm u baqa' sejjer fis-sinagoga tagħhom.

10U hemmhekk kien hemm raġel li kellu idu niexfa. Huma, biex ikollhom fuqiex
jixluh, staqsewh: "Jiswa li wieħed ifejjaq nhar ta' Sibt?"

11Iżda hu qalilhom: "Min minnkom ikollu nagħġa u taqagħlu f'ħofra s-Sibt, ma
jmurx jaqbad u jtellagħha?

12Imma kemm jiswa bniedem aktar minn nagħġa? Mela jiswa nhar ta' Sibt
tagħmel il-ġid."

13Imbagħad qal lir-raġel: 'Midd idek.' Dak medd idu, u reġgħet ġietu qawwija u
sħiħa bħall-oħra.

14U l-Fariżej ħarġu u bdew jiftiehmu bejniethom kontra tiegħu, kif se jeqirduh.

### Il-'Qaddej tal-Mulej'

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

15Ġesù sar jaf b'dan u telaq minn hemm. Hafna nies marru warajh u fejjaqhom kollha,

16u ordnalhom bis-sħiħ biex ma jurux min kien,

17biex hekk iseħħ dak li kien ingħad permezz tal-profeta Isaija, meta qal,

18 'Ara l-Qaddej tiegħi li jiena ħtart, l-Għażiż tiegħi li bih ruħi tgħaxxqet! Jiena nqiegħed l-Ispirtu tiegħi fuqu U hu jxandar il-ġustizzja lill-ġnus.

19 Ma jiksirha ma' ħadd, ma jgħollix leħnu u ħadd ma jisma' leħnu fil-pjazez.

20 Qasba mġelġla ma jiksirhiex, u musbieħ inemnem ma jitfihx, sa ma jwassal il-ġustizzja għar-rebħa,

21 u f'ismu jittamaw il-ġnus.'

### Ġesù u Begħelżebul

(Mk 3,20-30; Lq 11,14-23; 12,10)

22Imbagħad ġabulu quddiemu wieħed agħma u mbikkem maħkum mix-xitan, u hu fejqu, hekk li l-imbikkem qabad jitkellem u jara.

23In-nies kollha stagħġbu u bdew jgħidu: "Dan Bin David, tgħid?"

24Imma l-Fariżej, meta semgħu hekk qalu: "Dan mhux ħlief bis-saħħa ta' Begħelżebul, il-Prinċep tax-xjaten, li qiegħed ikeċċi x-xjaten."

25Iżda hu għaraf ħsibijiethom u qalilhom: "Kull saltna maqsuma fiha nfisha ssir ħerba, u kull belt jew familja maqsuma fiha nfisha ma tistax iżżomm wieqfa.

26Mela jekk ix-Xitan ikeċċi x-Xitan, iġib firda fih innifsu; għalhekk kif se żżomm wieqfa s-saltna tiegħu?

27U jekk jiena qiegħed inkeċċi x-xjaten bis-saħħa ta' Begħelżebul, uliedkom bis-saħħa ta' min qegħdin ikeċċuhom? Għalhekk huma stess ikunu l-imħallfin tagħkom.

28Iżda jekk jien qiegħed inkeċċi x-xjaten bl-Ispirtu ta' Alla, dan ifisser li waslitilkom is-Saltna ta' Alla.

29Jew kif jista' wieħed jidħol fid-dar ta' bniedem b'saħħtu u jaħtaflu ġidu jekk qabel ma jkunx rabtu? U hekk imbagħad id-dar jaħtafhielu żgur.

30Min mhuwiex miegħi, huwa kontra tiegħi; u min ma jiġborx miegħi, ixerred.

31Għalhekk ngħidilkom li d-dnubiet kollha u d-dagħa kollu jinħafrilhom lill-bnedmin, imma d-dnub ta' min jieqaf lill-Ispirtu s-Santu ma jinħafirx.

32U jekk xi ħadd jgħid xi ħaġa kontra Bin il-bniedem tinħafirlu; iżda min jitkellem kontra l-Ispirtu s-Santu ma jkollux maħfra, la f'din id-dinja u lanqas f'li ġejja."


© 2020 Malta Bible Society.

### Mill-milja tal-qalb jitkellem il-fomm
(Lq 6,43-45)

33“Intom tgħidu li siġra hi tajba jekk tagħmel frott tajjeb, u tgħidu li hi ħażina jekk tagħmel frott ħażin; għax is-siġra mill-frott tagħha tingħaraf.

34Ja nisel il-lifgħat, kif tistgħu titkellmu tajjeb meta intom ħżiena? Għax mill-milja tal-qalb jitkellem il-fomm.

35Il-bniedem tajjeb joħroġ ħwejjeġ tajba mill-ħażna tat-tajjeb tiegħu; imma l-bniedem ħażin joħroġ ħwejjeġ ħżiena mill-ħażna tal-ħażen tiegħu.

36U ngħidilkom li l-bnedmin f’jum il-ħaqq għad iridu jagħtu kont ta’ kull kelma fiergħa li jkunu qalu,

37għax minn kliemek tkun iġġustifikat, u minn kliemek tkun ikkundannat.”

### Nisel ħażin irid sinjal
(Mk 8,11-12; Lq 11,29-32)

38Imbagħad xi wħud mill-kittieba u l-Fariżej qabdu u qalulu: “Mgħallem, xtaqna kieku naraw sinjal mingħandek!”

39Iżda hu weġibhom: “Sinjal iridu nisel ħażin u infidil! Imma ebda sinjal ma jingħatalu ħlief dak tal-profeta Ġona.

40Għax kif Ġona għamel tlitt ijiem u tlitt iljieli f’żaqq il-ħuta, hekk ukoll Bin il-bniedem għad jagħmel tlitt ijiem u tlitt iljieli fil-qalba tal-art.

41F’jum il-ħaqq, in-nies ta’ Ninwè għad iqumu kontra dan in-nisel u jikkundannawh, għax huma nidmu wara l-predikazzjoni ta’ Ġona; u araw hawn minn hu aqwa minn Ġona hawnhekk!

42F’jum il-ħaqq, is-sultana tan-Nofsinhar għad tqum u teħodha kontra dan in-nisel u tikkundannah, għax hi ġiet mit-truf tal-art biex tisma’ l-għerf ta’ Salamun; u araw hawn min hu aqwa minn Salamun hawnhekk!

### L-ispirtu ħażin iħabbat lill-bniedem
(Lq 11,24-26)

43“Meta spirtu ħażin joħroġ mill-bniedem, huwa jmur jiġġerra f’art niexfa jfittex il-mistrieħ, u ma jsibu mkien.

44Imbagħad jgħid, ‘Mela nerġa’ lura lejn dari mnejn ħriġt.’ U, xħin jiġi, isibha battala u miknusa, kollox f’postu.

45Imbagħad imur iġib miegħu seba’ spirti oħra agħar minnu, u jidħlu joqogħdu hemm ġew. U fl-aħħar dak il-bniedem isib ruħu f’qagħda agħar minn ta’ qabel. Hekk għad jiġrilu dan in-nisel ħażin.”

### Min jagħmel ir-rieda tal-Missier
(Mk 3,31-35; Lq 8,19-21)


© 2020 Malta Bible Society.

46Kif kien għadu qiegħed ikellem lin-nies, ġew ommu u ħutu, waqfu barra u fittxew li jkellmuh.

47Xi ħadd qallu: "Ara, ommok u ħutek qegħdin barra jfittxu li jkellmuk."

48Iżda hu wieġeb lil dak li kellmu, u qallu: "Min hi ommi? U min huma ħuti?"

49Imbagħad medd idu lejn id-dixxipli tiegħu u qal: "Dawn, araw, huma ommi u ħuti.

50Għax kull min jagħmel ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet, dak huwa ħija, u oħti, u ommi."

## Mattew 13

### Il-parabboli

(Mk 4,1-2; Lq 8,4)

1Dak inhar Ġesù ħareġ mid-dar, mar f'xatt il-baħar u qagħad bilqiegħda hemm.

2U nġabru madwaru folol hekk kbar ta' nies li kellu jitla' fuq dgħajsa u jinżel bilqiegħda fiha; in-nies qagħdu lkoll wieqfa fuq ix-xatt,

3u hu beda jkellimhom fuq bosta ħwejjeġ bil-parabboli.

### Il-parabbola taż-żerriegħ

(Mk 4,3-9; Lq 8,5-8)

U qalilhom: "Darba wieħed bidwi ħareġ jiżra'.

4Huwa u jiżra', xi żerrigħat waqgħu mal-mogħdija; ġew l-għasafar u naqqruhom kollha.

5Oħrajn waqgħu f'art kollha blat, fejn ma kienx hemm wisq ħamrija, u malajr nibtu, għax il-ħamrija ma kinitx fonda;

6iżda mbagħad telgħet ix-xemx, u nħarqu u nixfu, għax ma kellhomx għeruq.

7Oħrajn waqgħu qalb ix-xewk, u x-xewk kiber magħhom u ħonoqhom.

8Imma oħrajn waqgħu f'art tajba, u għamlu l-frott, min mija, min sittin, u min tletin.

9Min għandu widnejn, ħa jisma'!"

### L-iskop tal-parabboli

(Mk 4,10-12.25; Lq 8,9-10)

10Resqu lejh id-dixxipli u staqsewh: "Għaliex tkellimhom bil-parabboli?"

11Hu weġibhom: "Għax lilkom ingħata li tagħrfu l-misteri tas-Saltna tas-Smewwiet; iżda lilhom dan ma kienx mogħti.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

12Għax kull min għandu, jingħatalu, u jkollu żżejjed ukoll; iżda min ma għandux, jitteħidlu saħansitra dak li għandu.

13Jien għalhekk inkellimhom bil-parabboli; għax iħarsu kemm iħarsu ma jarawx, u jisimgħu kemm jisimgħu ma jifhmux.

14U hekk isseħħ fihom il-profezija ta' Isaija li tgħid, 'Tisimgħu kemm tisimgħu ma tifhmux, u tħarsu kemm tħarsu ma tarawx.

15 Għax il-qalb ta' dan il-poplu twebbset: kienu tqal biex jisimgħu b'widnejhom, u għalqu għajnejhom li ma jmorrux jaraw b'għajnejhom, u jisimgħu b'widnejhom u jifhmu b'moħħhom, u hekk ibiddlu ħajjiethom u jiena nfejjaqhom.'

16"Intom, iżda, henjin għajnejkom, għax qegħdin jaraw; henjin widnejkom, għax qegħdin jisimgħu.

17Tassew, ngħidilkom, li bosta profeti u nies ġusti xtaqu jaraw dak li qegħdin taraw intom u ma rawhx, u jisimgħu dak li qegħdin tisimgħu intom u ma semgħuhx!

### Ġesù jfisser il-parabbola taż-żerriegħ

(Mk 4,13-20; Lq 8,11-15)

18"Mela isimgħuha intom il-parabbola ta' dak li ħareġ jiżra'.

19Kull min jisma' l-kelma tas-Saltna u ma jifhimhiex, jersaq il-Ħażin u jisraqlu dak li jkun inżera' f'qalbu: dan huwa dak li nżera' mal-mogħdija.

20Dak li nżera' f'art kollha blat huwa dak li jisma' l-kelma u jilqagħha minnufih bil-ferħ;

21imma għeruq ma jkollux fih innifsu, u għalhekk ftit idum; imbagħad jiġi fuqu l-għawġ, jew isib min iħabbtu minħabba l-kelma, u malajr jitfixkel.

22Dak li nżera' qalb ix-xewk huwa dak li jisma' l-kelma iżda l-inkwiet żejjed għall-ħwejjeġ tad-dinja u l-ġibda għall-ġid tal-art joħonqulu l-kelma, li għalhekk ma tagħmilx frott.

23Dak imbagħad li nżera' f'art tajba huwa dak li jisma' l-kelma u jifhimha; u tassew hu jagħmel il-frott; dan jagħmel mija, dak sittin, u l-ieħor tletin."

### Il-parabbola tas-sikrana

24Ġabilhom parabbola oħra u qalilhom: "Is-Saltna tas-Smewwiet tixbah lil wieħed raġel li żara' żerriegħa tajba fl-għalqa tiegħu.

25Iżda xħin in-nies kienu reqdin, ġie l-għadu tiegħu, żara' s-sikrana qalb il-qamħ u telaq.

26Meta mbagħad il-qamħ nibet u ħareġ is-sbul, tfaċċat ukoll is-sikrana.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

27Resqu l-qaddejja fuq sid l-għalqa u qalulu, 'Sinjur, int mhux żerriegħa tajba
żrajt fl-għalqa tiegħek? Mela dis-sikrana mnejn ġiet?'

28Iżda hu qalilhom, 'Dil-biċċa għamilhieli xi għadu tiegħi.' 'Tridx immorru
niġbruha?' qalulu l-qaddejja.

29'Le,' qalilhom, 'għax intom u tiġbru s-sikrana għandkom mnejn taqilgħu
magħha l-qamħ ukoll.

30Erħulhom jikbru t-tnejn flimkien sal-ħsad; meta mbagħad jasal il-ħsad, ngħid
lill-ħassada: 'Iġbru s-sikrana l-ewwel, u orbtuha qatta qatta għall-ħruq,
imbagħad qiegħdu l-qamħ fil-maħżen tiegħi.' "

### Il-parabbola taż-żerriegħa tal-mustarda

(Mk 4,30-32; Lq 13,18-19)

31Ġabilhom parabbola oħra u qalilhom: "Is-Saltna tas-Smewwiet tixbah lil
żerriegħa tal-mustarda li wieħed raġel ikun qabad u żeragħha fl-għalqa tiegħu.

32Hija tabilħaqq l-iżgħar waħda fost iż-żrieragħ kollha, iżda meta tikber, tkun l-
akbar waħda fost il-ħxejjex u ssir siġra, hekk li l-għasafar tal-ajru jiġu jbejtu fil-
friegħi tagħha."

### Il-parabbola tal-ħmira

(Lq 13,20-21)

33Qalilhom parabbola oħra: "Is-Saltna tas-Smewwiet tixbah lil ftit ħmira li
waħda mara tkun qabdet u ħalltet ma' tliet sigħan dqiq sa ma tkun għoliet l-
għaġna kollha."

### L-użu tal-parabboli

(Mk 4,33-34)

34Dan kollu Ġesù qalu bil-parabboli lin-nies, u mingħajr xi parabbola ma kienx
ikellimhom,

35biex hekk iseħħ dak li kien ingħad permezz tal-profeta, meta qal: 'Niftaħ
fommi bil-parabboli, nitkellem fuq ħwejjeġ moħbija sa mit-twaqqif tad-dinja.'

### Ġesù jfisser il-parabbola tas-sikrana

36Imbagħad ħalla n-nies u mar id-dar. Resqu lejh id-dixxipli tiegħu u qalulu:
"Fissirhielna l-parabbola tas-sikrana fl-għalqa."

37U weġibhom: "Dak li jiżra' ż-żerriegħa t-tajba huwa Bin il-bniedem.

38L-għalqa hija d-dinja; iż-żerriegħa t-tajba huma wlied is-Saltna; is-sikrana
huma wlied il-Ħażin,

39u l-għadu li żeragħha huwa x-Xitan. Il-ħsad ifisser tmiem id-dinja, u l-ħassada
l-anġli.


© 2020 Malta Bible Society.

40Mela bħalma s-sikrana jiġbruha u jaħarquha fin-nar, hekk isir fi tmiem id-
dinja.

41Bin il-bniedem jibgħat l-anġli tiegħu, u huma jiġbru barra mis-Saltna tiegħu
kulma jġib it-tfixkil u kull min jagħmel il-ħażen,

42u jixħtuhom fil-ħuġġieġa tan-nar; hemmhekk ikun hemm il-biki u t-tgħażżiż
tas-snien.

43Imbagħad il-ġusti jsiru jiddu bħax-xemx fis-Saltna ta' Missierhom. Min
għandu widnejn, ħa jisma'!

### Il-parabbola tat-teżor moħbi

44"Is-Saltna tas-Smewwiet tixbah lil teżor moħbi f'għalqa, li wieħed raġel isibu
u jaħbih, u kollu ferħan imur ibigħ kulma jkollu u jixtri dik l-għalqa.

### Il-parabbola tal-ġawhra

45"Tixbah ukoll is-Saltna tas-Smewwiet lil wieħed neguzjant ifittex ġawhar fin;

46meta sab ġawhra tiswa ħafna, mar biegħ kulma kellu u xtara lilha.

### Il-parabbola tax-xibka

47"Tixbah ukoll is-Saltna tas-Smewwiet lil xibka mitfugħa l-baħar li fiha
jinġabar minn kollox.

48Meta timtela jtellgħuha x-xatt, u joqogħdu bilqiegħda, jiġbru fil-kannestri dak
li jkun tajjeb u jarmu l-ħażin.

49Hekk jiġri fi tmiem id-dinja: l-anġli joħorġu jifirdu l-ħżiena mill-ġusti,

50u jixħtuhom fil-ħuġġieġa tan-nar; hemmhekk ikun hemm il-biki u t-tgħażżiż
tas-snien.

### Il-qadim u l-ġdid

51"Kollu fhimtuh dan?" "Iva," qalulu.

52U hu qalilhom: "Għalhekk kull kittieb li jkun sar dixxiplu tas-Saltna tas-
Smewwiet jixbah lil wieħed sid li, mill-ħażna tiegħu, joħroġ sew il-ġdid u sew
il-qadim."

### In-nies ta' Nazaret ma jilqgħux lil Ġesù
(Mk 6,1-6; Lq 4,16-30)

53Meta mbagħad Ġesù temm dawn il-parabboli, telaq minn hemm

54u mar lejn pajjiżu. Beda jgħallem lin-nies fis-sinagoga tagħhom, u huma
baqgħu mistagħġba hekk li bdew jgħidu: "Mnejn ġieb dan l-għerf u din il-qawwa
tal-għaġeb?

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

55Dan mhuwiex bin il-mastrudaxxa? Ommu mhijiex dik li jisimha Marija, u
ħutu Ġakbu u Ġużeppi u Xmun u Ġuda?

56U ħutu l-bniet mhumiex kollha magħna? Mnejn ġieh dan kollu?"

57U tfixklu minħabba fih. Imma Ġesù qalilhom: "Ebda profeta ma hu bla ġieħ
jekk mhux f'pajjiżu u daru stess."

58U hemmhekk ma għamilx ħafna mirakli minħabba n-nuqqas ta' fidi tagħhom.

## Mattew 14

### Il-martirju ta' Ġwanni l-Battista

(Mk 6,14-29; Lq 9,7-9)

1Kien dik il-ħabta li Erodi t-tetrarka sama' bil-fama ta' Ġesù,

2u lill-qaddejja tiegħu qalilhom: "Dan Ġwanni l-Battista! Iva, hu, qam mill-
imwiet! U minħabba f'hekk il-qawwa tal-mirakli qiegħda taħdem fih!"

3Għax Erodi kien arresta lil Ġwanni, u qaflu l-ħabs u ħallieh hemm minħabba
Erodja, mart ħuh Filippu.

4Għax Ġwanni kien jgħidlu: "Inti lil dik ma tistax iżżommha."

5Ried kieku joqtlu, imma kien jibża' min-nies, għax kienu jżommuh bi profeta.

6Mela wasal jum li fih Erodi għalaq sninu, u bint Erodja ħarġet fin-nofs tiżfen, u
għoġbot lil Erodi;

7għalhekk wegħedha taħt ġurament li jagħtiha kulma titolbu.

8U hi, mogħwija minn ommha, qaltlu: "Agħtini issa stess ras Ġwanni l-Battista
fuq platt."

9Is-sultan tnikket, iżda minħabba l-ġurament li ħa u l-mistednin tiegħu ordna li
tingħatalha.

10U bagħat jaqta' ras Ġwanni fil-ħabs.

11U ġiebu rasu fuq platt u tawha lit-tfajla, u din ħaditha lil ommha.

12Imbagħad id-dixxipli tiegħu ġew, ħadu l-ġisem tiegħu u difnuh, u marru
jagħtu l-aħbar lil Ġesù.

### Ġesù jitma' ħamest elef ruħ

(Mk 6,30-44; Lq 9,10-17; Ġw 6,1-13)

13Meta sama' l-aħbar, Ġesù telaq minn hemm bid-dgħajsa u mar waħdu f'post
imwarrab. Imma n-nies semgħu fejn mar, u telqu warajh bil-mixi mill-ibliet.

14Xħin niżel l-art mid-dgħajsa ra kotra kbira ta' nies u tħassarhom, u fejqilhom
il-morda tagħhom.


© 2020 Malta Bible Society.

15Xħin sar filgħaxija d-dixxipli tiegħu resqu lejh u qalulu: "Dan post imwarrab,
u l-ħin għamel sewwa. Ibgħathom lin-nies, ħa jmorru fl-irħula jixtru x'jieklu."

16Imma Ġesù qalilhom: "Ma għandhomx għalfejn imorru; agħtuhom intom
x'jieklu."

17U huma qalulu: "Hawn ma għandniex ħlief ħames ħobżiet u żewġ ħutiet."

18"Ġibuhomli hawn," qalilhom.

19Imbagħad ordna lin-nies biex joqogħdu bilqiegħda fuq il-ħaxix; ħa l-ħames
ħobżiet u ż-żewġ ħutiet, rafa' għajnejh lejn is-sema, bierek, qasam il-ħobżiet u
tahom lid-dixxipli, u d-dixxipli newluhom lin-nies.

20U kulħadd kiel u xaba', u ġabru l-bċejjeċ li kien fadal u mlew bihom tnax-il
qoffa.

21U kienu madwar ħamest elef raġel dawk li kielu, barra n-nisa u t-tfal.

### Ġesù jimxi fuq l-ilma
(Mk 6,45-52; Ġw 6,16-21)

22U minnufih ġiegħel lid-dixxipli jitilgħu fuq id-dgħajsa u jmorru qablu x-xatt l-
ieħor, sakemm jibgħat lin-nies.

23Wara li bagħat lin-nies, tela' waħdu fuq l-għoljiet biex jitlob. Xħin sar filgħaxija
kien għadu hemm fuq, waħdu;

24id-dgħajsa kienet diġà f'nofs il-baħar titħabat mal-mewġ, għax kellhom ir-riħ
kontra tagħhom.

25Fir-raba' sahra tal-lejl mar lejn in-naħa tagħhom miexi fuq il-baħar.

26Huma rawh miexi fuq il-baħar u twerwru. "Dan xi fantażma!" qalu; u qabdu
jgħajtu bil-biża'.

27Iżda hu minnufih kellimhom u qalilhom: "Agħmlu l-qalb, jiena hu, tibżgħu
xejn!"

28Wieġeb Pietru u qallu: "Mulej, jekk huwa int, ordnali niġi ħdejk fuq l-ilma."

29"Ejja," qallu Ġesù. Pietru niżel mid-dgħajsa, u qabad jimxi fuq l-ilma u jersaq
lejn Ġesù.

30Iżda meta ra li r-riħ kien qawwi, beża', ħabat jegħreq, u beda jgħajjat u jgħid:
"Salvani, Mulej!"

31Malajr Ġesù medd idu u qabdu: "Bniedem ta' fidi żgħira," qallu, "għaliex
iddubitajt?"

32Meta mbagħad it-tnejn telgħu fid-dgħajsa, ir-riħ waqaf.

33Dawk li kienu fid-dgħajsa nxteħtu jqimuh u qalulu: "Tassew, int Bin Alla!"

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

### Ġesù jfejjaq il-morda f'Ġennesaret
(Mk 6,53-56)

34Qasmu għan-naħa l-oħra u marru fl-art ta' Ġennesaret.

35In-nies ta' hemm għarfuh, u xerrdu l-aħbar ma' dawk l-inħawi kollha. Bdew
iressqulu quddiemu l-morda kollha

36u jitolbuh iħallihom imissulu mqar tarf il-libsa; u dawk kollha li messewh
fiequ.

## Mattew 15

### It-tradizzjonijiet tal-antenati
(Mk 7,1-13)

1Imbagħad xi Fariżej u kittieba minn Ġerusalemm resqu fuq Ġesù u qalulu:

2"Dan l-għala d-dixxipli tiegħek jiksru t-tradizzjonijiet ta' missirijietna? Għax
huma ma jaħslux idejhom qabel ma jieklu."

3Ġesù wieġeb u qalilhom: "U intom l-għala tiksru l-kmandamenti ta' Alla
minħabba t-tradizzjoni tagħkom?

4Għax Alla qal, 'Weġġaħ lil missierek u 'l ommok,' u 'min iżeblaħ lil missieru jew
'l ommu, jieħu l-mewt.'

5Imma intom tgħidu, 'Jekk wieħed jgħid lil missieru jew 'l ommu, 'il-ġid li
għandi, li jista' jkun ta' għajnuna għalik, huwa offerta lil Alla,' dak ma jkunx iżjed
marbut li jweġġaħ lil missieru.'

6U hekk iġġibu fix-xejn il-liġi ta' Alla minħabba t-tradizzjoni tagħkom.

7Uċuħ b'oħra, sewwa ħabbar Isaija fuqkom meta qal,

8'Dan il-poplu bix-xufftejn biss jagħtini ġieħ, imma qalbhom hija 'l bogħod
minni.

9 Fiergħa hija l-qima li jagħtuni; jgħallmu duttrina li mhijiex għajr preċetti tal-
bniedem."

### X'inhu li jtebba' lill-bniedem
(Mk 7,14-23)

10Imbagħad sejjaħ lill-folla lejh u qalilhom: "Isimgħuni u ifhmuni!

11Mhux dak li jidħol mill-fomm itebba' lill-bniedem, imma dak li joħroġ mill-
fomm, dan hu li jtebba' lill-bniedem."

12Resqu lejh imbagħad id-dixxipli u qalulu: "Taf li l-Fariżej skandalizzaw
ruħhom meta semgħu din il-kelma?"


© 2020 Malta Bible Society.

13Iżda hu weġibhom: "Kull siġra li ma ħawwilhiex Missieri li hu fis-smewwiet
tinqala' mill-għeruq.

14Ħalluhom: dawk għomja mexxejja tal-għomja; jekk agħma jmexxi lil agħma
ieħor, it-tnejn jaqgħu ġol-ħofra."

15Qabeż Pietru u qallu: "Fissirhielna din il-parabbola."

16Qallu Ġesù: "Intom ukoll għadkom s'issa bla moħħ?

17Ma tifhmux li kulma jidħol fil-fomm jibqa' sejjer fl-istonku biex imbagħad
jintrema fil-ħofra?

18Imma dak li joħroġ mill-fomm joħroġ mill-qalb, u dan hu li jtebba' lill-
bniedem.

19Għax mill-qalb joħorġu ħsibijiet ħżiena, qtil, adulterji, żina, serq, xhieda
qarrieqa, dagħa.

20Dawn huma li jtebbgħu lill-bniedem. Imma li wieħed jiekol b'idejh m'humiex
maħsula, dan ma jtebbax lill-bniedem."

### Il-fidi tal-mara Kangħanija

(Mk 7,24-30)

21Ġesù ħareġ minn hemm u telaq lejn Tir u Sidon.

22U ħarġet waħda mara Kangħanija minn dawk l-inħawi, u qabdet tgħajjat u
tgħid: "Henn għalija, Mulej, Bin David; binti għandha fiha xitan, u magħdura
ħafna!"

23Iżda hu ma weġibhiex kelma. Resqu lejh id-dixxipli tiegħu, jitolbuh u jgħidulu:
"Eħles minnha, għax ġejja tgħajjat warajna."

24Imma hu qalilhom: "Ma ġejtx mibgħut ħlief għan-nagħaġ li ntilfu mid-dar ta'
Iżrael."

25Iżda hi resqet, inxteħtet quddiemu u qaltlu: "Għinni, Mulej!"

26Hu weġibha: "Mhux sewwa tieħu l-ħobż tal-ulied u tixħtu lill-ġriewi."

27"Hekk hu, Mulej," qaltlu, "iżda l-ġriewi wkoll jieklu l-frak li jaqa' minn fuq il-
mejda ta' sidienhom!"

28Imbagħad wieġeb Ġesù u qalilha: "Mara, il-fidi tiegħek kbira! Ħa jsirlek kif
tixtieq." U minn dak il-ħin stess bintha fieqet.

### Ġesù jfejjaq lil ħafna

29Ġesù baqa' għaddej minn hemm u mar ħdejn il-baħar tal-Galilija; tala' fuq l-
għolja u qagħad bilqiegħda hemm.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

30U bdew resqin lejh ġemgħat kbar ta' nies, li kellhom magħhom zopop, għomja,
immankati, imbikkmin, u ħafna oħrajn; qegħduhomlu f'riġlejh, u hu fejjaqhom,
31hekk li n-nies kollha baqgħu mistagħġba meta raw l-imbikkmin jitkellmu, l-
immankati qawwijin u sħaħ, iz-zopop jimxu u l-għomja jaraw; u bdew jagħtu
glorja lil Alla ta' Iżrael.

### Ġesù jitma' erbat elef
(Mk 8,1-10)

32Ġesù sejjaħ lid-dixxipli tiegħu u qalilhom: "Nitħassarhom lil dawn in-nies,
għax ġa ilhom tlitt ijiem miegħi u ma għandhom xejn x'jieklu. Ma rridx
inħallihom imorru sajmin, li ma jmurx iħosshom ħażin fit-triq."
33Qalulu d-dixxipli: "F'deżert bħal dan minn fejn se nġibu ħobż biżżejjed biex
inxebbgħu kotra hekk kbira!"
34"Xi kemm għandkom ħobż?" staqsiehom Ġesù. Qalulu: "Sebgħa, u xi ftit ħut
żgħir."
35Imbagħad qal lin-nies kollha jinxteħtu bilqiegħda fl-art,
36ħa s-seba' ħobżiet u l-ħut, radd il-ħajr, qasamhom u tahom lid-dixxipli, u d-
dixxipli newluhom lin-nies.
37U kulħadd kiel u xaba'; u ġabru l-bċejjeċ li fadal, sebat iqfief mimlija.
38U kienu erbat elef raġel dawk li kielu, barra n-nisa u t-tfal.
39Imbagħad bagħat in-nies, tala' fuq id-dgħajsa, u mar lejn l-inħawi ta' Magadan.

## Mattew 16

### Il-Fariżej u s-Sadduċej jitolbu sinjal
(Mk 8,11-13; Lq 12,54-56)

1Resqu lejh il-Fariżej u s-Sadduċej u, biex iġarrbuh, talbuh jurihom sinjal mis-
sema.
2Hu weġibhom: "Meta jasal il-ħin ta' filgħaxija intom tgħidu, 'Temp tajjeb se
jkollna, għax is-sema ħamrani.'
3Iżda mas-sebħ tgħidu, 'Temp imqalleb illum, għax is-sema ħamrani u
msaħħab.' Jiġifieri, wiċċ is-sema tafu tfissruh, imma għas-sinjali taż-żminijiet
ma tinqalgħux.
4Sinjal jitlob nisel ħażin u infidil! Imma ebda sinjal ma jingħatalu ħlief dak ta'
Ġona." U ħalliehom b'hekk u telaq.

### Il-ħmira tal-Fariżej u s-Sadduċej
(Mk 8,14-21; Lq 12,1)

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

5Huma u jaqsmu għax-xatt l-ieħor id-dixxipli raw li ma kinux ħadu ħobż
magħhom.

6Ġesù qalilhom: "Iftħu għajnejkom u ilqgħu ruħkom mill-ħmira tal-Fariżej u s-
Sadduċej!"

7Huma bdew jaħsbu u jgħidu bejniethom: "Dan għax ma ġibniex ħobż."

8Iżda Ġesù induna u qalilhom: "Ja nies ta' fidi żgħira, x'intom tgħidu bejnietkom
fuq li ma għandkomx ħobż?

9Għadkom ma ntbaħtux? Ma tiftakrux fil-ħames ħobżiet għal ħamest elef ruħ u
kemm qfief ġbartu?

10Anqas fis-seba' ħobżiet għal erbat elef ruħ u kemm qfief ġbartu?

11Imma kif ma ntbaħtux li jien mhux għall-ħobż għedtilkom? Mill-ħmira tal-
Fariżej u s-Sadduċej ilqgħu ruħkom!"

12Imbagħad fehmu li hu qalilhom biex jilqgħu ruħhom mhux mill-ħmira tal-
ħobż, imma mit-tagħlim tal-Fariżej u s-Sadduċej.

### Stqarrija tal-fidi minn Pietru, u l-primat tiegħu

(Mk 8,27-30; Lq 9,18-21)

13Meta wasal fl-inħawi ta' Ċesarija ta' Filippu, Ġesù staqsa lid-dixxipli tiegħu u
qalilhom: "Min jgħidu n-nies li hu Bin il-bniedem?"

14U huma weġbuh: "Xi wħud, Ġwanni l-Battista; oħrajn, Elija; u oħrajn, Ġeremija
jew wieħed mill-profeti."

15Imma intom min tgħidu li jien?" staqsiehom.

16U qabeż Xmun Pietru u qallu: "Inti l-Messija, Bin Alla l-ħaj."

17U Ġesù wieġbu u qallu: "Hieni int, Xmun bin Ġona, għax mhux bniedem tad-
demm u l-laħam uriek dan, imma Missieri li hu fis-smewwiet.

18U jiena ngħidlek: Inti Pietru, u fuq din il-blata jiena nibni l-Knisja tiegħi, u s-
setgħat tal-infern ma jegħlbuhiex.

19Jiena nagħtik l-imfietaħ tas-Saltna tas-Smewwiet, u kulma torbot fuq l-art
ikun marbut fis-smewwiet, u kulma tħoll fuq l-art ikun maħlul fis-smewwiet."

20Imbagħad lid-dixxipli tiegħu wissiehom biex ma jitkellmu ma' ħadd fuq li
huwa l-Messija.

### L-ewwel tħabira tal-mewt u tal-qawmien ta' Ġesù

(Mk 8,31—9,1; Lq 9,22-27)

21Minn dak inhar Ġesù beda juri lid-dixxipli tiegħu li kien meħtieġ għalih li jmur
Ġerusalemm, isofri ħafna mix-xjuħ u l-qassisin il-kbar u l-kittieba, joqtluh, u fit-
tielet jum iqum.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

22Pietru ġibdu lejh u beda jlumu u jgħidlu: "Allaħares, Mulej! Ma jkun qatt li dan jgħaddi minn għalik!"

23Iżda Ġesù dar u qal lil Pietru: "Itlaq minn quddiemi, ja xitan! Int tfixkil għalija, għax m'intix tqis il-ħwejjeġ ta' Alla, imma qiegħed taħsibha ta' bniedem li int!"

24Imbagħad qal lid-dixxipli tiegħu: "Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu, u jimxi warajja.

25Għax min irid isalva ħajtu, jitlifha, imma min jitlef ħajtu għall-imħabba tiegħi, isibha.

26Għax xi jkun jiswielu l-bniedem jekk jikseb id-dinja kollha u mbagħad jitlef ħajtu? Jew xi prezz se jagħti l-bniedem biex isalva ħajtu?

27Għax Bin il-bniedem għandu jiġi fil-glorja ta' Missieru flimkien mal-anġli tiegħu, u mbagħad irodd lil kull wieħed skont ma wieħed ikun għamel.

28Tassew, ngħidilkom, li hawn xi wħud minn dawk li qegħdin hawn, li ma jġarrbux il-mewt qabel ma jaraw lil Bin il-bniedem ġej fis-Saltna tiegħu."

## Mattew 17

### It-Trasfigurazzjoni

(Mk 9,2-13; Lq 9,28-36)

1Sitt ijiem wara, Ġesù ħa miegħu lil Pietru u 'l Ġakbu u 'l ħuh Ġwanni, tellagħhom fuq muntanja għolja weħidhom,

2u tbiddel quddiemhom. Wiċċu sar jiddi bħax-xemx, u lbiesu sar abjad bħad-dawl.

3U dehrulhom Mosè u Elija jitħaddtu miegħu.

4Qabeż Pietru u qal lil Ġesù: "Mulej, kemm hu sew li aħna hawn! Jekk trid intella' hawn tliet tined, waħda għalik, waħda għal Mosè u waħda għal Elija."

5Kif kien għadu jitkellem, sħaba kollha dawl għattiethom u minn ġos-sħaba nstema' leħen jgħid: "Dan hu Ibni l-għażiż, li fih sibt l-għaxqa tiegħi; isimgħu lilu."

6Id-dixxipli, kif semgħu dan, waqgħu wiċċhom fl-art, mimlijin biża'.

7Ġesù resaq lejhom, messhom u qalilhom: "Qumu. La tibżgħux."

8Huma refgħu għajnejhom u ma raw lil ħadd ħlief lil Ġesù waħdu.

9Huma u neżlin minn fuq il-muntanja, Ġesù ordnalhom u qalilhom: "Tgħidu lil ħadd b'din id-dehra sa ma Bin il-bniedem ikun qam mill-imwiet."

10U d-dixxipli staqsewh: "Mela kif jgħidu l-kittieba li l-ewwel għandu jiġi Elija?"

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

11Hu weġibhom: “Elija jiġi, iva, u jerġa’ jqiegħed kollox f’postu.

12Imma ngħidilkom: Elija ġa ġie, u huma baqgħu ma għarfuhx, imma ġiebu
ruħhom miegħu kif għoġobhom. Hekk ukoll Bin il-bniedem għandu jsofri
minnhom.”

13Imbagħad id-dixxipli fehmu li hu kien qiegħed jgħidilhom għal Ġwanni l-
Battista.

### Ġesù jfejjaq tifel u jeħilsu mix-xitan

(Mk 9,14-29; Lq 9,37-43a)

14Meta reġgħu ġew ħdejn in-nies, resaq fuqu wieħed raġel niżel għarkubbtejh
quddiemu u qallu:

15“Mulej, ikollok ħniena minn ibni, għax marid b’tal-qamar u qiegħed ibati
ħafna; għax sikwit jaqa’ jew fin-nar jew fl-ilma.

16Ġibtu lid-dixxipli tiegħek, iżda ma setgħux ifejquh.”

17Wieġeb Ġesù u qal: “Ja nies bla fidi u ħżiena, kemm se ndum magħkom? Kemm
se ndum nissaportikom? Ġibuhuli hawn.”

18Imbagħad Ġesù hedded bis-sħiħ lix-xitan, u dan ħareġ minnu, u minn dak il-
ħin stess it-tifel fieq.

19Wara mbagħad id-dixxipli resqu lejn Ġesù għalihom weħidhom u qalulu: “L-
għala aħna ma rnexxilniex inkeċċuh?”

20U hu qalilhom: “Minħabba l-fidi żgħira tagħkom! Għax tassew ngħidilkom, li
kieku għandkom fidi mqar daqs żerriegħa tal-mustarda, kontu tgħidu lil din il-
muntanja, ‘Warrab minn hawn u mur hemm’, u hi kienet twarrab; u ma jkun
hemm xejn għalikom li ma jistax isir.”

### It-tieni taħbira tal-mewt u tal-qawmien ta’ Ġesù

(Mk 9,30-32; Lq 9,43b-45)

22Meta darba kienu flimkien fil-Galilija, Ġesù qalilhom: “Bin il-bniedem għandu
jkun mogħti f’idejn il-bnedmin

23u joqtluh, u fit-tielet jum iqum.” U huma sewdu qalbhom ħafna.

### Il-ħlas tat-taxxa għat-tempju

24Reġgħu daħlu Kafarnahum, u resqu fuq Pietru dawk li jiġbru t-taxxa għat-
tempju, u qalulu: “L-imgħallem tagħkom ma jħallasx it-taxxa?”

25“Iva!” qalilhom. Meta daħal id-dar, Ġesù, bla ma ħallieh jitkellem, staqsieh:
“Int x’jidhirlek, Xmun? Is-slaten tal-art mingħand min jiġbruha t-taxxa jew il-
ħaraġ, mingħand is-sudditi jew mingħand il-barranin?”

26“Mingħand il-barranin,” wieġbu Pietru. U Ġesù qallu: “Mela s-sudditi meħlusa
minnha.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[27]Iżda, biex ma tkun ta' ebda skandlu għalihom, asal wasla sal-baħar, ixħet ix-xlief u, l-ewwel ħuta li ttalla', aqbadha, iftħilha ħalqha, u għandek issib stater; ħudu minn hemm u mur agħtih lilhom għalija u għalik."

## Mattew 18

### Min hu l-akbar fis-Saltna tas-Smewwiet

(Mk 9,33-37; Lq 9,46-48)

[1]F'dak il-waqt resqu d-dixxipli lejn Ġesù u staqsewh: "Mela min hu l-akbar fis-Saltna tas-Smewwiet?"

[2]Hu sejjaħ lejh tfajjel ċkejken, qiegħdu f'nofshom

[3]u qalilhom, "Tassew ngħidilkom, li jekk intom ma terġgħux issiru bħat-tfal iż-żgħar, żgur li ma tidħlux fis-Saltna tas-Smewwiet.

[4]U għalhekk l-ikbar wieħed fis-Saltna tas-Smewwiet huwa dak li jċekken lilu nnifsu bħal dan it-tfajjel żgħir.

[5]U kull min jilqa' tfajjel bħal dan minħabba f'ismi, ikun jilqa' lili.

### L-iskandlu

(Mk 9,42-48; Lq 17,1-2)

[6]"Imma min jagħti skandlu lil wieħed minn dawn iċ-ċkejknin li jemmnu fija, ikun aħjar għalih li jdendlulu ma' għonqu ġebla tat-tħin minn dawk li jdawru l-ħmir, u jgħarrquh f'qiegħ ta' baħar.

[7]Ħażin għaliha d-dinja minħabba l-iskandli! Għax jeħtieġ li l-iskandli jsiru, imma ħażin għalih dak il-bniedem li minħabba fih isiru l-iskandli.

[8]Jekk idek jew sieqek hija għalik okkażjoni ta' dnub, aqtagħha barra u armiha 'l bogħod minnek; jaħbatlek aħjar li tidħol b'id waħda jew b'sieq waħda fil-ħajja, milli tkun mixħut b'idejk it-tnejn jew b'saqajk it-tnejn fin-nar ta' dejjem.

[9]U jekk għajnek hi għalik okkażjoni ta' dnub, aqlagħha barra u armiha 'l bogħod minnek; jaħbatlek aħjar li tidħol b'għajn waħda fil-ħajja, milli tinxteħet b'għajnejk it-tnejn fin-nar tal-infern.

[10]"Araw li ma tonqsux mill-istima lejn xi wieħed minn dawn iż-żgħar; għax, ngħidilkom, l-anġli tagħhom fis-smewwiet dejjem jaraw wiċċ Missieri li hu fis-smewwiet.

### In-nagħġa l-mitlufa

(Lq 15,3-7)

[12]"Intom x'jidhrilkom? Jekk wieħed raġel ikollu mitt nagħġa u tintiliflu waħda minnhom, ma jħallix id-disgħa u disgħin l-oħra fuq l-għoljiet u jmur ifittex dik li tkun intilfitlu?

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

13U jekk jirnexxilu jsibha, tassew ngħidilkom jifraħ iktar biha milli bid-disgħa u disgħin l-oħra li ma jkunux intilfu.

14Hekk ukoll, anqas Missierkom li hu fis-smewwiet ma jrid li jintilef wieħed minn dawn iż-żgħar.

### Meta ħuk jidneb

(Lq 17,3)

15"Jekk ħuk jaqa' f'xi dnub, mur sibu waħdu u widdbu. Jekk jisma' minnek, tkun irbaħt lura lil ħuk.

16Jekk ma jismax, erġa' mur u ħu miegħek wieħed jew tnejn oħra, biex kulma jingħad jissaħħaħ bil-kelma ta' żewġ xhieda jew tlieta.

17Jekk imbagħad anqas minnhom ma jkun irid jisma', mur għid lill-knisja. U jekk anqas mill-knisja ma jkun irid jisma' żommu b'wieħed pagan u pubblikan.

18Tassew ngħidilkom, li kulma torbtu fuq l-art ikun marbut fis-sema, u kulma tħollu fuq l-art ikun maħlul fis-sema.

19Ngħidilkom ukoll li jekk tnejn minnkom fuq l-art jgħollu leħinhom flimkien biex jitolbu xi ħaġa, Missieri li hu fis-smewwiet, jagħtihielhom.

20Għax fejn tnejn jew tlieta jkunu miġbura f'ismi hemm inkun jien f'nofshom.

### Il-parabbola tal-qaddej li ma jaħfirx

21Imbagħad Pietru resaq lejh u qallu: "Mulej, xi kemm-il darba jrid jonqosni ħija biex jiena naħfirlu? Sa seba' darbiet?"

22"Ma ngħidlikx sa seba' darbiet," wieġbu Ġesù, "imma sa sebgħa u sebgħin darba.

23Għalhekk is-Saltna tas-Smewwiet nistgħu nxebbhuha ma' wieħed sultan, li ried jagħmel il-kontijiet mal-qaddejja tiegħu.

24Kif beda jagħmel dan, ħadulu quddiemu wieħed li kellu jagħtih għaxart elef talent.

25Billi ma kellux minn fejn iroddhomlu, is-sinjur ordna li jinbiegħu hu, martu, uliedu u kulma kellu, ħalli b'hekk jitħallas id-dejn.

26Imma l-qaddej inxteħet quddiemu jitolbu u jgħidlu, 'Sinjur, stabar ftit bija; kollox irroddlok.'

27Is-sinjur ġietu ħasra minn dak il-qaddej, bagħtu u ħafirlu dejnu.

28Mela dak il-qaddej joħroġ, u jiltaqa' ma' wieħed minn sħabu, li kellu jagħtih mitt dinar; qabdu minn għonqu u beda jagħfsu. 'Ħallas dejnek,' qallu.

29Il-qaddej sieħbu nxteħet quddiemu jitolbu bil-ħniena u jgħidlu, 'Stabar ftit bija u rroddlok.'

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

30Imma dak ma riedx jaf, mar u xeħtu l-ħabs sa ma jrodd kulma kellu jagħtih.

31Sħabu l-qaddejja raw il-ġrajja kollha u sewdu qalbhom ħafna; marru għand
is-sinjur tagħhom u tarrfulu kulma kien ġara.

32Imbagħad is-sinjur bagħat għalih u qallu, 'Ja qaddej ħażin, meta jiena ħfirtlek
dak id-dejn kollu wara li tlabtni bil-ħniena,

33ma kienx imissek int ukoll tħenn għal sieħbek kif ħennejt jien għalik?'

34U saħan bl-aħrax is-sinjur għalih, u tah f'idejn min jaħqru sa ma jrodd kulma
kellu jagħti.

35Hekk jagħmel lilkom Missieri li hu fis-Smewwiet jekk ma taħfrux lil xulxin
minn qalbkom."

## Mattew 19

### Id-divorzju

(Mk 10,1-12; Lq 16,18)

1Kif temm dan id-diskors, Ġesù telaq mill-Galilija u mar il-Lhudija, fl-inħawi 'l
hemm mill-Ġordan.

2Folol kbar ta' nies marru warajh, u hu fejjaqhom hemmhekk.

3U resqu fuqu xi Fariżej biex iġarrbuh, u qalulu: "Jista' wieħed jitlaq lil martu
fuq xi ħaġa, tkun xi tkun?"

4Iżda hu qalilhom: "Ma qrajtux li sa mill-bidu l-Ħallieq għamilhom raġel u mara,

5u qal, 'Minħabba f'hekk raġel iħalli lil missieru u 'l ommu u jingħaqad ma'
martu u t-tnejn isiru ġisem wieħed'?

6Għalhekk mhumiex iżjed tnejn, imma ġisem wieħed. Mela dak li għaqqad Alla
ma għandux jifirdu l-bniedem."

7Qalulu: "Mela allura għaliex ordna Mosè li żewġha jagħtiha l-kitba tad-divorzju
u jibgħatha?"

8Qalilhom: "Kien minħabba l-ebusija ta' qalbkom li Mosè takom il-permess
tibagħtu n-nisa tagħkom. Iżda ma kienx hekk mill-bidu.

9U ngħidilkom, li min jibgħat lil martu - barra l-każ ta' żwieġ ħażin - u jiżżewweġ
oħra jkun ħati ta' adulterju."

10Qalulu d-dixxipli: "Mela ladarba din hi l-kondizzjoni tar-raġel mal-mara, ma
jaqbilx li wieħed jiżżewweġ."

11Iżda hu qalilhom: "Mhux kulħadd jifhimha din il-ħaġa, imma dawk li lilhom
jingħata li jifhmuha.


© 2020 Malta Bible Society.

12Hemm ewnuki li jitwieldu hekk minn ġuf ommhom, oħrajn jagħmluhom hekk in-nies, u hemm oħrajn li jsiru hekk minn rajhom minħabba s-Saltna tas-Smewwiet. Min jista' jifhem, jifhem!"

## Ġesù jbierek it-tfal iż-żgħar

(Mk 10,13-16; Lq 18,15-17)

13Imbagħad ressqulu quddiemu xi tfal żgħar biex iqiegħed idejh fuqhom u jitlob għalihom. Iżda d-dixxipli qabdu jgħajtu magħhom.

14U Ġesù qalilhom: "Halluhom it-tfal iż-żgħar jiġu għandi, u la żżommuhomx, għax ta' min hu bħalhom hija s-Saltna tas-Smewwiet."

15Imbagħad qiegħed idejh fuqhom u telaq minn hemm.

## Iż-żagħżugħ għani

(Mk 10,17-31; Lq 18,18-30)

16Resaq wieħed fuqu u qallu: "Mgħallem, x'għandi nagħmel tajjeb biex nikseb il-ħajja ta' dejjem?"

17U Ġesù qallu: "Għax tistaqsini fuq it-tajjeb? Wieħed hu t-Tajjeb. Jekk int trid tidħol fil-ħajja, ħares il-kmandamenti."

18"Liema?" staqsieh dak. U Ġesù wieġbu: "La toqtolx, la tiżnix, la tisraqx, la tixhidx fil-falz,

19weġġaħ lil missierek u 'l ommok, u ħobb lil għajrek bħalek innifsek."

20Qallu ż-żagħżugħ: "Jiena dan kollu ħaristu; x'jonqosni iżjed?"

21Wieġbu Ġesù: "Jekk trid tkun perfett, mur, bigħ il-ġid li għandek, agħtih lill-foqra, u jkollok teżor fis-sema; imbagħad ejja u imxi warajja".

22Iż-żagħżugħ kif sama' dan, telaq b'qalbu sewda, għax kien għani ħafna.

23Imbagħad Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: "Tassew ngħidilkom li l-għani se jsibha iebsa biex jidħol fis-Saltna tas-Smewwiet!

24Iva, nerġa' ngħidilkom, eħfef li ġemel jgħaddi minn għajn ta' labra milli wieħed għani jidħol fis-Saltna tas-Smewwiet!"

25Id-dixxipli stagħġbu ħafna meta semgħu dan, u qalu: "Mela min jista' jsalva?"

26Ġesù ħares lejhom u qalilhom: "Għall-bnedmin dan ma jistax ikun; għal Alla kollox jista' jkun."

27Imbagħad qabeż Pietru u qallu: "Tajjeb! Aħna ħallejna kollox u ġejna warajk; issa x'se jmissna?"

28Ġesù qalilhom: "Tassew ngħidilkom, intom li ġejtu warajja, fid-dinja l-ġdida, meta Bin il-bniedem joqgħod fuq it-tron glorjuż tiegħu, intom ukoll toqogħdu fuq tnax-il tron u tagħmlu ħaqq mit-tnax-il tribù ta' Iżrael.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

29U kull min iħalli 'l daru jew 'il ħutu jew 'il missieru jew 'l ommu jew 'l uliedu jew ir-raba' tiegħu minħabba f'ismi, jerġa' jirċievi kollox għal mitt darba iktar, u jieħu b'sehmu l-ħajja ta' dejjem.

30U ħafna li huma tal-ewwel jiġu l-aħħar, u tal-aħħar jiġu l-ewwel.

## Mattew 20

### Il-ħaddiema fl-għalqa tad-dwieli

1"Ara, is-Saltna tas-Smewwiet tixbah lil wieħed sid li ħareġ filgħodu kmieni ħafna biex isib nies tax-xogħol u jħaddimhom fl-għalqa tiegħu tad-dwieli.

2Ftiehem ma' xi ħaddiema b'dinar kull jum u bagħathom l-għalqa.

3Ħareġ ukoll madwar it-tielet siegħa, ra oħrajn qegħdin fil-pjazza, bla xogħol,

4u qalilhom, 'Morru intom ukoll l-għalqa, u nagħtikom li jkun ħaqqkom.' U marru.

5Raġa' ħareġ għal xi s-sitt siegħa u mbagħad għal xi d-disgħa siegħa, u għamel l-istess.

6Għall-ħabta tal-ħdax-il siegħa raġa' ħareġ u sab oħrajn qiegħda, u qalilhom, 'Għaliex qegħdin hawn il-jum kollu ma tagħmlu xejn?'

7Qalulu, 'Għax ħadd ma qabbadna.' Qalilhom, 'Morru intom ukoll l-għalqa.'

8Għal filgħaxija mbagħad sid l-għalqa qal lill-prokuratur tiegħu, 'Sejjaħ lill-ħaddiema u ħallashom, ibda minn dawk li ġew l-aħħar u spiċċa b'dawk tal-ewwel.'

9Ġew dawk li daħlu għax-xogħol fil-ħdax-il siegħa u ħadu dinar kull wieħed.

10Ġew tal-ewwel, u stennew li kienu se jirċievu iktar, iżda huma wkoll ħadu dinar kull wieħed.

11Huma u jitħallsu qabdu jgemgmu kontra s-sid

12u jgħidu, 'Dawn tal-aħħar siegħa waħda għamlu, u int qisthom bħalna li tgħabbejna bil-piż tal-jum u s-sħana!'

13Qabeż is-sid u qal lil wieħed minnhom, 'Ħabib, minn xejn ma nqastek jien; mhux b'dinar ftehemt miegħi?

14Ħu li jmissek u itlaq. Lil dan tal-aħħar irrid nagħtih daqs kemm tajt lilek.

15Ma nistax nagħmel li rrid bi ħwejġi jien? Jew qiegħed tgħir għax jien qalbi tajba?'

16Hekk tal-aħħar jiġu l-ewwel, u tal-ewwel jiġu l-aħħar."

### It-tielet taħbira tal-mewt u tal-qawmien ta' Ġesù

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

(Mk 10,32-34; Lq 18,31-33)

17Huwa u tiela' lejn Ġerusalemm, fit-triq Ġesù sejjaħ lit-Tnax weħidhom madwaru u qalilhom:

18"Araw, issa aħna telgħin Ġerusalemm, u Bin il-bniedem se jingħata f'idejn il-qassisin il-kbar u l-kittieba; dawn jaqtgħuhielu għall-mewt,

19jerħuh f'idejn il-pagani biex jiddieħku bih, u jagħtuh is-swat u jsallbuh; u fit-tielet jum iqum."

### It-talba ta' omm Ġakbu u Ġwanni
(Mk 10,35-45)

20Imbagħad resqet lejh omm ulied Żebedew flimkien ma' wliedha, u nxteħtet quddiemu titolbu xi ħaġa.

21"Xi trid?" staqsieha. U hi qaltlu: "Ordna li dawn iż-żewġ uliedi joqogħdu wieħed fuq il-lemin tiegħek u l-ieħor fuq ix-xellug fis-Saltna tiegħek."

22U Ġesù wieġeb: "Ma tafux x'intom titolbu. Għandkom ħila tixorbuh il-kalċi li se jkolli nixrob jien?" "Għandna," qalulu.

23"Il-kalċi tiegħi," qalilhom, "tixorbuh, iva, imma li wieħed joqgħod fuq il-lemin jew ix-xellug tiegħi, din mhijiex ħaġa li nagħtiha jien, imma hi għal dawk li għalihom hi mħejjija minn Missieri."

24L-għaxra l-oħra, meta semgħu dan, inkurlaw għaż-żewġt aħwa.

25Imma Ġesù sejħilhom u qalilhom: "Tafu intom, fost il-pagani l-kapijiet qegħdin biex jikkmandawhom, u l-kbarat biex iħaddmu fuqhom is-setgħa.

26Fostkom ma għandux ikun hekk; imma min irid ikun kbir fostkom, għandu jkun qaddej tagħkom,

27u min irid ikun l-ewwel fostkom, għandu jkun l-ilsir tagħkom.

28Hekk ukoll Bin il-bniedem, ma ġiex biex ikun moqdi, imma biex jaqdi u biex jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra."

### Ġesù jfejjaq żewġ għomja
(Mk 10,46-52; Lq 18,35-43)

29Huma u ħerġin minn Ġeriko marret warajh kotra kbira ta' nies.

30Kien hemm żewġ għomja bilqiegħda mal-ġenb tat-triq, u semgħu li kien għaddej Ġesù; u qabdu jgħajtu u jgħidu: "Mulej, Bin David, ikollok ħniena minna!"

31In-nies bdew iċanfruhom biex isikktuhom, iżda huma aktar bdew jgħajtu u jgħidu: "Mulej, Bin David, ikollok ħniena minna!"

32Ġesù waqaf u sejħilhom: "Xi triduni nagħmlilkom?" qalilhom.


© 2020 Malta Bible Society.

[33]“Li jinfetħulna għajnejna, Mulej,” qalulu.

[34]Ġesù tħassarhom, messilhom għajnejhom, u minnufih bdew jaraw. U baqgħu
miexja warajh.

# Mattew 21

### Id-daħla messjanika f’Ġerusalemm

(Mk 11,1-11; Lq 19,28-38; Ġw 12,12-16)

[1]Xħin waslu qrib Ġerusalemm u ġew quddiem Betfaġe lejn l-Għolja taż-Żebbuġ,
Ġesù bagħat żewġ dixxipli

[2]u qalilhom: “Aslu sar-raħal biswitkom; u minnufih issibu ħmara marbuta u felu
ħdejha; ħolluhom u ġibuhomli.

[3]Jekk xi ħadd jgħidilkom xi ħaġa, weġbuh, ‘Il-Mulej jeħtieġhom, u malajr jerġa’
jibgħathom lura.’

[4]Dan ġara biex iseħħ dak li kien ingħad permezz tal-profeta, meta qal,

[5] ‘Għidu lil bint Sijon: Ara, is-Sultan tiegħek ġej għandek, ġwejjed, riekeb fuq
ħmara u fuq felu, ferħ ta’ bhima tat-tagħbija.’

[6]Id-dixxipli marru u għamlu kif ordnalhom Ġesù;

[7]ġiebu l-ħmara u l-felu, qiegħdu fuqhom l-imnatar tagħhom, u hu qagħad
fuqhom.

[8]Għadd kbir ta’ nies firxu l-imnatar tagħhom fit-triq, waqt li oħrajn qatgħu xi
friegħi mis-siġar u ferrxuhom mat-triq.

[9]Il-folol li kienu miexja quddiem u dawk li kienu miexja wara bdew jgħajtu u
jgħidu: “Hosanna lil Bin David! Imbierek min ġej f’isem il-Mulej! Hosanna fl-
ogħla tas-smewwiet!”

[10]Meta mbagħad daħal Ġerusalemm, il-belt kollha tqanqlet. “Dan min hu?”
bdew jgħidu.

[11]U l-folol weġbuhom: “Dan hu l-profeta Ġesù minn Nazaret tal-Galilija.”

### Il-qdusija tat-tempju

(Mk 11,15-19; Lq 19,45-46; Ġw 2,13-22)

[12]Ġesù daħal fit-tempju, qabad ikeċċi ’l barra l-bejjiegħa u x-xerrejja kollha li
kien hemm fit-tempju, u qaleb l-imwejjed tas-sarrafa tal-flus u s-siġġijiet ta’
dawk li kienu jbigħu l-ħamiem.

[13]U qalilhom: “Hemm miktub li ‘Dari dar it-talb tissejjaħ’. Intom, imma,
għamiltuha għar tal-ħallelin!”

[14]Resqu lejh xi għomja u zopop fit-tempju, u hu fejjaqhom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

15Il-qassisin il-kbar u l-kittieba ma felħux jissaportu meta raw l-għeġubijiet li
kienu qegħdin isiru u lit-tfal fit-tempju jgħajtu u jgħidu, 'Hosanna lil Bin David!'

16U qalulu: "Qiegħed tisma' x'inhuma jgħidu dawn?" "Iva", qalilhom Ġesù, "qatt
ma qrajtu li minn fomm it-tfal u t-trabi tal-ħalib int ħejjejt tifħir għalik?"

17U ħalliehom hekk; ħareġ barra mill-belt, mar Betanja, u għadda l-lejl
hemmhekk.

### Is-siġra tat-tin misħuta
(Mk 11,12-14.20-24)

18Filgħodu, xħin kien sejjer lura lejn il-belt, ħadu l-ġuħ.

19Ra siġra tat-tin mal-ġenb tat-triq, mar ħdejha, u ma sabilha xejn ħlief weraq.
U qalilha: "Qatt iżjed ma joħroġ frott minnek għal li ġej!" U dak il-ħin stess is-
siġra nixfet.

20Stagħġbu d-dixxipli kif raw dan, u qalu: "Ara kif nixfet f'daqqa s-siġra!"

21Weġibhom Ġesù: "Tassew, ngħidilkom, jekk ikollkom il-fidi u ma toqogħdux
titħassbu, mhux biss dak li ġara lil din is-siġra tagħmlu, iżda wkoll jekk tgħidu
lil din il-muntanja, 'Inqala' u inxteħet il-baħar,' hekk isir.

22U kulma titolbu taqilgħuh, jekk ikollkom il-fidi."

### Il-Lhud jistaqsu dwar is-setgħa ta' Ġesù
(Mk 11,27-33; Lq 20,1-8)

23Daħal fit-tempju, u, waqt li kien qiegħed jgħallem, resqu fuqu l-qassisin il-
kbar u x-xjuħ tal-poplu u qalulu: "Int b'liema setgħa qiegħed tagħmel dan kollu?
U min tahielek din is-setgħa?"

24U Ġesù qalilhom: "Ħa nagħmlilkom mistoqsija waħda jien ukoll: jekk
tweġbuni għaliha, jien ukoll ngħidilkom b'liema setgħa qiegħed nagħmel dan
kollu.

25Il-magħmudija ta' Ġwanni minn fejn kienet ġejja, mis-sema jew mill-
bnedmin?" Dawk bdew jirraġunaw bejniethom u jgħidu: "Jekk inweġbuh, 'Mis-
sema,' jgħidilna, 'Mela għaliex ma emmintux?'

26U jekk ngħidulu, 'Mill-bnedmin,' nibżgħu min-nies, għax lil Ġwanni kulħadd
iżommu bi profeta."

27Imbagħad wieġbu lil Ġesù u qalulu: "Ma nafux." U hu qalilhom: "Mela anqas
jiena ma ngħidilkom b'liema setgħa qiegħed nagħmel dan.

### Il-parabbola taż-żewġ ulied

28"Intom x'jidhrilkom? Kien hemm raġel li kellu żewġ ulied. Resaq fuq il-kbir u
qallu, 'Ibni, illum mur aħdem l-għalqa tad-dwieli.'

29U dak qallu, 'Ma rridx.' Iżda mbagħad biddel il-fehma u mar.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

30Resaq fuq l-ieħor u qallu l-istess. 'Arani sejjer, sidi,' qallu dan, u ma mar xejn.

31Min minnhom it-tnejn għamel kif ried il-missier?" "L-ewwel wieħed,"
weġbuh. U qalilhom Ġesù: "Tassew, ngħidilkom, li l-pubblikani u n-nisa tat-triq
deħlin qabilkom fis-Saltna ta' Alla.

32Għax Ġwanni ġie għandkom miexi fit-triq tal-ġustizzja, u intom ma
emmintuhx iżda l-pubblikani u n-nisa tat-triq emmnuh; u għalkemm intom
rajtu dan kollu, bqajtu sal-aħħar ma biddiltux il-fehma tagħkom, u ma
emmintuhx.

**Il-parabbola tal-għalqa u l-bdiewa**

(Mk 12,1-12; Lq 20,9-19)

33"Isimgħu parabbola oħra: Kien hemm wieħed, sid ta' għalqa, u ħawwilha bid-
dwieli; tellgħalha ħajt tas-sejjieħ madwarha, ħaffer magħsar fiha, u bnielha
torri; u qabbilha lil xi bdiewa. U siefer f'art oħra.

34Meta wasal żmien il-frott, bagħat il-qaddejja tiegħu għand dawk il-bdiewa
biex jiġbrulu l-frott li kien imissu.

35Iżda l-bdiewa qabdu lill-qaddejja, u lil wieħed sawtuh, lil ieħor qatluh, u lil
ieħor ħaġġruh.

36Reġa' bagħtilhom qaddejja oħra, aktar minn qabel, u għamlulhom l-istess.

37Fl-aħħar bagħtilhom lil ibnu. 'Minn ibni jistħu,' qal.

38Iżda kif raw lil ibnu l-bdiewa bdew jgħidu bejniethom, 'Ara l-werriet! Ejjew
noqtluh, biex il-wirt tiegħu niħduh aħna.'

39Qabduh, xeħtuh 'il barra mill-għalqa u qatluh.

40Issa sid l-għalqa x'jagħmlilhom lil dawk il-bdiewa meta jiġi?"

41Qalulu: "Jeqridhom bla ħniena, ta' ħżiena li huma, u l-għalqa jqabbilha lil
bdiewa oħra li jroddulu l-frott fi żmienu."

42Qalilhom Ġesù: "Qatt ma qrajtu fl-Iskrittura li 'Il-ġebla li warrbu l-bennejja
saret il-ġebla tax-xewka; bis-saħħa tal-Mulej seħħ dan: ħaġa tal-għaġeb
f'għajnejna'?

43Għalhekk ngħidilkom li s-Saltna ta' Alla tittieħed mingħandkom u tingħata lil
ġens li jagħmel il-frott minnha.

44U min jaqa' fuq din il-ġebla jitfarrak, u fuq min taqa' tgħaffġu taħtha!"

45Meta semgħu l-parabboli tiegħu l-qassisin il-kbar u l-Fariżej fehmu li hu kien
qiegħed jgħid għalihom.

46Huma riedu kieku jaqbduh taħt idejhom, imma beżgħu min-nies, għax
kulħadd kien iżommu bi profeta.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

# Mattew 22

### Il-parabbola tal-festa tat-tieġ

(Lq 14,15-24)

1Ġesù raġa' qabad ikellimhom bil-parabboli u qalilhom:

2"Is-Saltna tas-smewwiet tixbah lil wieħed sultan li għamel festa għat-tieġ ta' ibnu.

3U bagħat għall-mistednin mal-qaddejja tiegħu biex jiġu għall-festa; imma dawk ma ridux jiġu.

4U reġa' bagħat qaddejja oħra, u qalilhom, 'Għidu lill-mistednin: Ara, il-mejda tiegħi lesta; il-barrin u l-għoġiela msemmna diġà maqtula u kollox lest; ejjew għall-festa.'

5Iżda dawk ma tawx kas; min mar l-għalqa, min għan-negozju tiegħu,

6u l-bqija qabdu lill-qaddejja tas-sultan, żebilħuhom u qatluhom.

7Is-sultan inkorla ħafna, u bagħat is-suldati tiegħu, qered lil dawk il-qattiela, u ħarqilhom il-belt tagħhom.

8Imbagħad qal lill-qaddejja tiegħu, 'Il-festa mħejjija, imma lil dawk ma kienx ta' min jistedinhom għaliha.

9Mela morru f'salib it-toroq u sejħu għall-festa lil kull min issibu.'

10Dawk il-qaddejja ħarġu fit-triqat u ġabru lil kull min sabu, ħżiena u tajba, u s-sala mtliet bin-nies għall-mejda.

11Mela jidħol is-sultan ħalli jara min kien hemm fuq il-mejda, u hemmhekk lemaħ wieħed li ma kienx liebes għall-festa tat-tieġ;

12u qallu, 'Ħabib, dan kif dħalt hawn m'intix liebes għall-festa?' Dak tbikkem.

13Imbagħad is-sultan qal lil dawk li kienu qegħdin iservu, 'Orbtulu riġlejh u idejh u waddbuh 'il barra fid-dlam; hemmhekk ikun hemm il-biki u t-tgħażżiż tas-snien!'

14Għax ħafna huma l-imsejħin, imma ftit il-magħżulin!"

### Ġesù mistoqsi dwar il-ħlas tat-taxxi

(Mk 12,18-27; Lq 20,20-40)

15Imbagħad il-Fariżej marru u bdew jiftiehmu bejniethom biex jaraw kif jonsbuh b'xi kelma.

16U bagħtulu d-dixxipli tagħhom ma' xi Erodjani u qalulu: "Mgħallem, aħna nafu li int raġel tħobb is-sewwa, u li t-triq ta' Alla tgħallimha kif tassew hi, bla ma tħabbel rasek minn ħadd, għax int lejn wiċċ ħadd ma tħares.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

17Għidilna ħaġa, mela: 'Int x'jidhirlek? Sewwa jew le li wieħed iħallas it-taxxa lil Ċesari?"

18Imma Ġesù għaraf il-ħażen ta' moħħhom, u qalilhom: "Għaliex tridu ġġarrbuni, ja wċuħ b'oħra?

19Uruni l-munita tat-taxxa." Urewh dinar,

20u Ġesù staqsiehom: "Ta' min huma dan il-wiċċ u din il-kitba?"

21Qalulu: "Ta' Ċesari!" Imbagħad qalilhom: "Mela agħtu lil Ċesari dak li hu ta' Ċesari, u lil Alla dak li hu ta' Alla."

22Meta semgħuh jgħid hekk baqgħu mistagħġba; imbagħad ħallewh u telqu.

### Ġesù mistoqsi dwar il-qawmien mill-imwiet

(Mk 12,18-27; Lq 20,27-40)

23Dak inhar resqu lejh xi Sadduċej, li jgħidu li ma hemmx qawmien mill-imwiet, u staqsewh:

24"Mgħallem, Mosè qal, 'Jekk wieħed imut u ma jħallix ulied, l-armla tiegħu jkollu jiżżewwiġha ħuh, biex dan inissel ulied għal ħuh.'

25Kellna fostna sebat aħwa; il-kbir iżżewweġ, u miet bla tfal; għalhekk ħalla l-armla tiegħu għal ħuh.

26It-tieni wieħed ġralu l-istess, u t-tielet ukoll, u hekk sas-seba' wieħed.

27Fl-aħħar, wara kulħadd, mietet il-mara.

28Issa din, fil-qawmien tal-imwiet, mart min minnhom is-sebgħa tkun? Għax ilkoll kienu ħaduha."

29Weġibhom Ġesù: "Kemm sejrin żball, għax la tafu l-Iskrittura u lanqas il-qawwa ta' Alla!

30Għax fil-qawmien tal-imwiet in-nies la jiżżewġu u lanqas iżewġu, imma jkunu bħall-anġli ta' Alla fis-sema.

31Għal dak imbagħad li hu qawmien mill-imwiet, ma qrajtux x'kien qalilkom Alla,

32'Jiena Alla ta' Abraham, u Alla ta' Iżakk, u Alla ta' Ġakobb'? Hu mhuwiex Alla tal-mejtin, iżda tal-ħajjin!"

33U n-nies, meta semgħu dan, baqgħu mistagħġba ħafna bit-tagħlim tiegħu.

### Il-kmandament il-kbir

(Mk 12,28-34; Lq 10,25-28)

34Il-Fariżej, meta semgħu kif lis-Sadduċej kien saddilhom ħalqhom, inġabru madwaru,


© 2020 Malta Bible Society.

35u wieħed minnhom, għaref fil-Liġi, għamillu din il-mistoqsija biex iġarrbu:

36"Mgħallem, liema hu l-kmandament il-kbir, fil-Liġi?"

37Qallu Ġesù: "Ħobb lill-Mulej, Alla tiegħek, b'qalbek kollha, b'ruħek kollha, u
b'moħħok kollu.'

38Dan hu l-kmandament il-kbir u l-ewwel wieħed.

39U it-tieni jixbhu: 'Ħobb lil għajrek bħalek innifsek.'

40Dawn iż-żewġ kmandamenti huma l-qofol tal-Liġi kollha u tal-Profeti."

### Mistoqsija dwar bin David

(Mk 12,35-37; Lq 20,41-44)

41Kif kellu l-Fariżej miġbura madwaru, Ġesù staqsiehom:

42"Intom x'jidhrilkom dwar il-Messija? Bin min hu?" "Bin David," qalulu.

43Qalilhom: 'Mela din kif inhi li David, imnebbaħ mill-Ispirtu, isejjaħlu Sidu u
jgħid,

44 'Il-Mulej qal lil Sidi: Oqgħod fuq il-lemin tiegħi, sa ma nkun qegħedt l-
għedewwa tiegħek taħt riġlejk'?

45Jekk David isejjaħlu Sidu, kif inhu ibnu?"

46U ħadd minnhom ma kellu l-ħila jwieġeb, u minn dak inhar 'il quddiem ħadd
iżjed ma ssogra jagħmillu mistoqsija oħra.

## Mattew 23

### Ġesù jikkundanna lill-kittieba u l-Fariżej

(Mk 12,38-40; Lq 11,37-52; 20,45-47)

1Imbagħad Ġesù kellem lin-nies u lid-dixxipli tiegħu, u qalilhom:

2"Fuq il-katedra ta' Mosè qagħdu l-kittieba u l-Fariżej.

3Mela kulma jgħidulkom huma agħmluh u ħarsuh, iżda tagħmlux kif jagħmlu
huma, għax huma kliem biss għandhom, imma fatti xejn.

4Huma jorbtu qatet kbar u tqal u jgħabbuhom fuq spallejn ħaddieħor, waqt li
huma stess anqas b'sebagħhom wieħed ma jridu jħarrkuhom.

5Kulma jagħmlu, jagħmluh għal għajnejn in-nies; għalhekk ikabbru l-filatteri u
jtawlu l-ġmiemen tagħhom.

6Iħobbu l-postijiet ewlenin fl-imwejjed, u s-siġġijiet ta' quddiem fis-sinagogi,

7u jixtiequ min isellmilhom fil-pjazez u li n-nies isejħulhom Rabbi.


© 2020 Malta Bible Society.

8Imma intom tħallux min isejħilkom Rabbi, għax l-Imgħallem tagħkom wieħed hu, u intom ilkoll aħwa.

9U ssejħu lil ħadd missierkom fuq din l-art, għax il-Missier tagħkom wieħed hu, dak li hu fis-smewwiet.

10Hekk ukoll tħallux min isejħilkom mexxejja, għax il-mexxej tagħkom wieħed hu, il-Messija.

11Il-kbir fostkom għandu jkun il-qaddej tagħkom;

12min jitgħolla, jitbaxxa, u min jitbaxxa, jitgħolla.

13"Ħażin għalikom intom il-kittieba u l-Fariżej, uċuħ b'oħra! Intom tagħlqu s-Saltna tas-Smewwiet għall-bnedmin, u la intom ma tidħlu fiha u lanqas tħallu lil ħaddieħor li jkun irid jidħol!

15"Ħażin għalikom, intom il-kittieba u l-Fariżej, uċuħ b'oħra! Intom taqsmu l-ibħra u dduru d-dinja kollha biex iddawru bniedem għar-reliġjon tagħkom, u meta tiġbduh għal magħkom tagħmluh bniedem ħaqqu l-infern darbtejn aktar minnkom!

16"Ħażin għalikom, mexxejja għomja! Intom tgħidu, 'Jekk wieħed jaħlef bis-santwarju, il-ħalfa ma tgħoddx; imma jekk jaħlef bid-deheb tas-santwarju, ikollu jrodd.

17Boloh u għomja! X'inhu l-aqwa? Id-deheb, jew is-santwarju li jqaddes id-deheb?

18Tgħidu wkoll, 'Jekk wieħed jaħlef bl-artal, il-ħalfa ma tgħoddx; imma jekk jaħlef bl-offerta ta' fuq l-artal, ikollu jrodd.'

19Ja għomja! X'inhu l-aqwa? L-offerta, jew l-artal li jqaddes l-offerta?

20Mela min jaħlef bl-artal ikun jaħlef kemm bl-artal u kemm b'li jkun hemm fuqu;

21u min jaħlef bis-santwarju jkun jaħlef kemm bis-santwarju u kemm b'min jgħammar fih;

22u min jaħlef fuq is-sema jkun jaħlef kemm bit-tron ta' Alla u kemm b'dak li hemm fuqu.

23"Ħażin għalikom, intom il-kittieba u l-Fariżej, uċuħ b'oħra! Intom tħallsu d-dieċmi fuq in-nagħniegħ u l-busbies u l-kemmun, u mbagħad tagħlqu għajnejkom għal dak li hu l-aqwa fil-Liġi, jiġifieri, il-ġustizzja u l-ħniena u s-sinċerità! Dawn kien imisskom tagħmlu, bla ma tħallu l-oħrajn barra,

24ja mexxejja għomja, li ma tħallux nemusa tgħaddi mill-passatur, biex imbagħad tibilgħu ġemel!

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

25Hażin għalikom, intom il-kittieba u l-Fariżej, uċuħ b'oħra! Intom tnaddfu t-tazza u l-platt minn barra, waqt li minn ġewwa jkunu mimlija bi frott is-serq u r-regħba!

26Fariżew agħma, it-tazza l-ewwel naddafha minn ġewwa, biex imbagħad tkun nadifa minn barra wkoll!

27Hażin għalikom, intom il-kittieba u l-Fariżej, uċuħ b'oħra! Qiskom oqbra mbajda: minn barra jidhru sbieħ, u minn ġewwa mimlija għadam tal-mejtin u kull xorta ta' ħmieġ!

28Hekk intom; minn barra tidhru tassew ġusti quddiem il-bnedmin, waqt li minn ġewwa kollkom ipokrisija u ħażen!

29Hażin għalikom, intom il-kittieba u l-Fariżej, uċuħ b'oħra! Intom tibnu l-oqbra lill-profeti, iżżejnu l-monumenti tal-ġusti,

30u tgħidu, 'Kieku konna fi żmien missirijietna ma konniex nissieħbu magħhom u nxerrdu demm il-profeti,'

31u b'hekk weħidkom tagħtu xhieda li intom ulied il-qattiela tal-profeti!

32Mela issa komplu sal-aħħar dak li bdew missirijietkom!

33"Ja sriep u nisel il-lifgħat, kif se taħarbu mill-kundanna tal-infern?

34Jien għalhekk nibagħtilkom profeti u għorrief u kittieba, li xi wħud minnhom toqtluhom u ssallbuhom, u oħrajn issawtuhom fis-sinagogi tagħkom u tippersegwitawhom minn belt għal oħra,

35ħalli b'hekk taqa' fuqkom il-ħtija tad-demm tal-ġusti kollha li xtered fuq l-art, ibda minn demm Abel il-ġust sa demm Żakkarija bin Barakija, li intom qtiltuh bejn is-Santwarju u l-artal.

36Tassew, ngħidilkom, dawn il-ħtijiet għad jaqgħu kollha fuq dan in-nisel!

### Ġesù jitħassar lil Ġerusalemm

(Lq 13,34-35)

37"Ġerusalemm, Ġerusalemm, int li toqtol il-profeti u tħaġġar il-messaġġiera mibgħutin lilek, kemm-il darba ridt niġbor lil uliedek bħalma l-qroqqa tiġbor il-flieles taħt ġwenħajha, u int ma ridtx!

38Ara, darkom għad iħalluhielkom ħerba!

39Għax, ngħidilkom, m'intomx se terġgħu tarawni minn issa sa ma tgħidu, 'Imbierek min ġej f'isem il-Mulej!' "

## Mattew 24

### Ġesù jħabbar it-tiġrif tat-tempju

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

(Mk 13,1-2; Lq 21,5-7)

1Ġesù ħareġ mit-tempju. Huwa u sejjer, id-dixxipli tiegħu resqu lejh u wrewh il-
bini tat-tempju.

2Iżda hu qalilhom: "Qegħdin tarawh dan kollu? Tassew, ngħidilkom, hawnhekk
ma tibqax ġebla fuq oħra li ma tiġġarrafx!"

### Il-bidu tat-tbatijiet

(Mk 13,3-13; Lq 21,7-19)

3Kif kien qiegħed fuq l-Għolja taż-Żebbuġ, id-dixxipli resqu jistaqsuh rasu u
rashom: "Għidilna, dan meta għad jiġri? U x'se jkun is-sinjal tal-miġja tiegħek u
ta' tmiem id-dinja?"

4U Ġesù weġibhom: "Araw li ħadd ma jqarraq bikom.

5Għax għad jiġu ħafna f'ismi u jgħidu 'Jien hu l-Messija,' u jqarrqu b'ħafna nies.

6Għad tisimgħu min jitkellem fuq gwerer u xnigħat ta' gwerer. Iftħu għajnejkom
u titħawdu xejn, għax dan jeħtieġ li jiġri, imma għadu mhuwiex it-tmiem.

7Għax għad iqum ġens kontra ġens u saltna kontra saltna, ikun hawn ġuħ kbir,
u l-art titheżheż f'ħafna bnadi.

8Dan kollu jkun il-bidu ta' tbatija kbira.

9Imbagħad jagħtukom f'idejn min iħabbatkom u joqtolkom; u l-ġnus kollha jsiru
jobogħdukom minħabba f'ismi.

10U jkun hemm ħafna li jitfixklu, li jittradixxu lil xulxin u jinbagħdu bejniethom.

11Iqumu bosta profeti foloz u jqarrqu b'ħafna nies.

12Joktor il-ħażen, u għalhekk l-imħabba tibred f'ħafna.

13Imma min jibqa' jżomm sħiħ sal-aħħar, dan isalva.

14Dan l-Evanġelju tas-Saltna jixxandar fid-dinja kollha, biex il-ġnus kollha
jkollhom xhieda. Imbagħad jiġi t-tmiem.

15"Meta mbagħad taraw il-profanazzjoni u l-ħerba fit-tempju li fuqhom tkellem
il-profeta Danjel - ħa jifhem min jaqra! -

16ħa jaħarbu mbagħad lejn l-għoljiet dawk li jkunu fil-Lhudija;

17u min ikun fuq il-bejt, ara li ma jinżilx jieħu xi ħaġa mid-dar,

18anqas min ikun fir-raba' ma għandu jerġa' lura biex jieħu l-mantar tiegħu.

19Jaħasra għalihom in-nisa li f'dawk il-jiem ikunu tqal jew ireddgħu!

20Itolbu li l-ħarba tagħkom ma tiġrix fix-xitwa jew nhar ta' Sibt.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

21Għax imbagħad ikun hawn diqa kbira li mill-bidu tad-dinja sa issa għadu qatt
ma kien hawn bħalha u anqas ikun hawn.

22U kieku dawk il-jiem ma tqassrux, l-ebda bniedem ma kien isalva. Iżda
minħabba l-maħturin dawk il-jiem tqassru.

23Imbagħad, jekk xi ħadd jgħidilkom, 'Ara, hawn hu l-Messija,' jew, 'Hemm,' la
temmnuhx.

24Għax għad iqumu ħafna messijiet foloz u profeti foloz, u jibdew jagħmlu sinjali
kbar u għeġubijiet biex iqarrqu, jekk jista' jkun, imqar bil-maħturin.

25Ara, għedtulkom minn qabel.

26Jekk mela jgħidulkom, 'Ara, qiegħed barra fid-deżert,' tmorrux; 'Ara, qiegħed
ġewwa fid-dar,' temmnux.

27Għax bħalma l-berqa tleħħ mil-Lvant u tixħet id-dija tagħha sal-Punent, hekk
tkun il-miġja ta' Bin il-bniedem.

28Fejn hemm il-ġisem mejjet, hemm l-isqra jinġabru!

### Il-miġja ta' Bin il-bniedem

(Mk 13,24-27; Lq 21,25-28)

29"Minnufih, wara d-diqa ta' dawk il-jiem, ix-xemx tiddallam, il-qamar jitlef id-
dija tiegħu, il-kwiekeb jaqgħu mis-sema, u l-qawwiet tas-sema jitheżżu.

30Imbagħad jidher fis-sema s-sinjal ta' Bin il-bniedem, il-popli kollha tal-art
jibdew jagħtu fuq sidirhom, u jaraw lil Bin il-bniedem ġej fuq is-sħab tas-sema
b'qawwa u glorja kbira.

31U hu jibgħat l-anġli tiegħu, li b'leħen qawwi ta' tromba jiġbru l-maħturin
tiegħu mill-erbat irjieħ, minn tarf sa tarf tas-sema.

### Tagħlima mis-siġra tat-tin

(Mk 13,28-32; Lq 21,29-33)

32"Tgħallmu din il-parabbola mis-siġra tat-tin. Meta l-fergħa tirtab u tarmi l-
weraq, intom tintebħu li s-sajf fil-qrib.

33Hekk ukoll meta taraw dan kollu, kunu afu li hu fil-qrib, fil-bieb.

34Tassew, ngħidilkom, li ma jgħaddix dan in-nisel sa ma jiġri dan kollu.

35Is-sema u l-art jgħaddu, imma kliemi ma jgħaddix.

### Ħadd ma jaf il-jum u s-siegħa

(Mk 13,32-37; Lq 17,26-30.34-35)

36"Dwar dak il-jum u s-siegħa ħadd ma jaf xejn meta se jaslu, la l-anġli tas-sema
u lanqas l-Iben; ħadd ħlief il-Missier waħdu.

37Bħal fi żmien Noè, hekk tkun il-miġja ta' Bin il-bniedem.


© 2020 Malta Bible Society.

38Għax kif fiż-żmien ta' qabel id-dilluvju kienu jieklu u jixorbu, jiżżewġu u
jżewġu sa dak inhar li Noè daħal fl-arka,

39u b'xejn ma ntebħu sa ma wasal id-dilluvju u ġarr lil kulħadd, hekk tkun il-
miġja ta' Bin il-bniedem.

40Imbagħad tnejn ikunu fl-għalqa: wieħed jittieħed u l-ieħor jitħalla;

41żewġ nisa jkunu jitħnu flimkien: waħda tittieħed u l-oħra titħalla.

42Ishru, mela, għax ma tafuhx il-jum li fih jiġi Sidkom.

43Kunu afu dan, li kieku sid id-dar kellu jkun jaf f'liema sahra tal-lejl se jiġi l-
ħalliel, kien jishar u ma jħallix min jinfidlu l-ħitan ta' daru.

44Mela kunu lesti intom ukoll, għax qatt ma tistgħu tobsru s-siegħa li fiha jiġi
Bin il-bniedem.

### Il-qaddej il-fidil u l-qaddej il-ħażin

(Lq 12,41-46)

45"Intom min tgħidu li hu l-qaddej fidil u għaqli? Min hu dak li s-sid iqiegħdu
fuq niesu biex jagħtihom jieklu fil-ħin?

46Hieni dak il-qaddej li sidu jiġi u jsibu jaqdi dmiru.

47Tassew, ngħidilkom, li jafdalu ġidu kollu f'idejh.

48Iżda jekk dak il-qaddej ħażin jibda jgħid f'qalbu, 'Sidi jiddawwar ma jiġi,'

49u jaqbad isawwat lil sħabu l-oħra, u jiekol u jixrob mas-sakranazzi,

50sid dak il-qaddej jasal f'jum li hu ma jkunx jistennieh, f'siegħa li fiha jieħdu
għal għarrieda,

51u jagħmlu bċejjeċ u jagħtih li ħaqqhom in-nies ta' wiċċ b'ieħor: hemmhekk
ikun hemm il-biki u t-tgħażżiż tas-snien.

## Mattew 25

### Il-parabbola tal-għaxar xebbiet

1"Imbagħad is-Saltna tas-Smewwiet ixebbhuha ma' għaxar xebbiet li ħarġu bl-
imsiebaħ tagħhom biex jilqgħu l-għarus.

2Ħamsa minnhom kienu boloh u ħamsa għaqlin,

3għax il-boloh ħadu l-imsiebaħ imma ma ħadux żejt magħhom,

4waqt li l-għaqlin ħadu mhux biss l-imsiebaħ iżda wkoll iż-żejt fil-kwies.

5L-għarus iddawwar ma ġie, u għalhekk ilkoll ħadhom in-ngħas u raqdu.

6Imbagħad f'nofs ta' lejl instama' min jgħajjat, 'Ara l-għarus! Oħorġu ilqgħuh!'

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

7Dawk ix-xebbiet qamu lkoll u ħejjew l-imsiebaħ tagħhom.

8Iżda l-boloh qalu lill-għaqlin, 'Agħtuna ftit żejt minn tagħkom, għax l-imsiebaħ
tagħna jintfew.'

9Qabżu l-għaqlin u qalu, 'Għandu mnejn ma jibqax biżżejjed, la għalina u lanqas
għalikom! L-aħjar, morru għand tal-ħanut u ixtru għalikom.'

10Xħin dawk marru biex jixtru jiġi l-għarus; dawk li kienu lesti daħlu miegħu
għall-festa tat-tieġ, u l-bieb ingħalaq.

11Saflaħħar waslu wkoll ix-xebbiet l-oħra, u bdew jgħidu, 'Sinjur, Sinjur,
iftħilna!'

12Iżda hu weġibhom u qal, 'Tassew, ngħidilkom, lilkom ma nafkomx.'

13Ishru, mela, għaliex la tafu l-jum u lanqas is-siegħa.

### Il-parabbola tat-talenti
(Lq 19,12-27)

14"Għax dan bħal wieħed li kien se jsiefer, u sejjaħ lill-qaddejja tiegħu u
ħallielhom ġidu f'idejhom.

15Lil wieħed tah ħames talenti, lil ieħor tnejn, u lil ieħor wieħed, kull wieħed
skont il-ħila tiegħu. U siefer.

16Dak li kien ħa l-ħames talenti mar minnufih iħaddimhom u qala' ħamsa oħra.

17Hekk ukoll dak li kien ħa tnejn qala' tnejn oħra.

18Iżda dak li ħa wieħed mar ħaffer fl-art u ħeba flus sidu.

19Wara ħafna, sid dawk il-qaddejja raġa' lura u beda jagħmel il-kontijiet
magħhom.

20Resaq quddiemu dak li kien ħa ħames talenti u ġieblu ħames talenti oħra.
'Sinjur,' qallu, 'ħames talenti ħallejtli f'idejja; hawn, ara, qlajt ħamsa oħra.'

21Qallu s-sinjur, 'Sewwa, qaddej tajjeb u fidil; int kont fidil fil-ftit, u jien se
nafdak fuq ħafna; idħol fl-hena ta' sidek.'

22Resaq ukoll dak li kien ħa żewġ talenti, u qallu, 'Sinjur, żewġ talenti ħallejtli
f'idejja; hawn, ara, qlajt tnejn oħra.'

23Qallu s-sinjur, 'Sewwa, qaddej tajjeb u fidil; int kont fidil fil-ftit, u jien se
nafdak fuq ħafna; idħol fl-hena ta' sidek.'

24Iżda resaq ukoll dak li kien ħa talent wieħed, u qal, 'Sinjur, lilek nafek bħala
raġel aħrax, taħsad fejn ma żrajtx u tiġbor fejn ma xerridtx.

25Bżajt, u mort ħbejt it-talent tiegħek fl-art. 'Hawn, ara, għandek dak li hu
tiegħek.'


© 2020 Malta Bible Society.

26Qabeż is-sinjur u qallu, ‘Qaddej ħażin u għażżien, kont taf li jien naħsad fejn
ma żrajtx u niġbor fejn ma xerridtx.

27Mela kien imissek mort qegħedt flusi l-bank biex, meta niġi, kont immur
niġborhom bl-imgħax.

28Ħudulu mela t-talent u agħtuh lil dak li għandu l-għaxar talenti.

29Għax kull min għandu, jingħatalu, u jkollu ż-żejjed ukoll; iżda min ma
għandux, jitteħidlu saħansitra dak li għandu.

30U lil dan il-qaddej bla fejda itfgħuh ’il barra fid-dlam; hemmhekk ikun hemm
il-biki u t-tgħażżiż tas-snien.

### Il-ħaqq mill-popli

31“Meta jiġi Bin il-bniedem fil-glorja tiegħu u bl-anġli kollha miegħu, imbagħad
joqgħod fuq it-tron glorjuż tiegħu.

32U quddiemu jinġabru l-ġnus kollha, u hu jifridhom minn xulxin, bħalma r-
ragħaj jifred in-nagħaġ mill-mogħoż:

33in-nagħaġ iqegħedhom fuq il-lemin tiegħu u l-mogħoż fuq ix-xellug.

34Imbagħad is-Sultan jgħid lil dawk ta’ fuq il-lemin tiegħu, ‘Ejjew, imberkin
minn Missieri, ħudu b’wirt tagħkom is-Saltna li tħejjiet għalikom sa mill-
ħolqien tad-dinja.

35Għax jien kont bil-ġuħ u tmajtuni, kont bil-għatx u sqejtuni, kont barrani u
lqajtuni,

36kont għeri u libbistuni, kont marid u ġejtu tarawni, kont fil-ħabs u ġejtu
żżuruni.’

37Imbagħad iweġbuh il-ġusti, ‘Mulej’, jgħidulu, ‘meta rajniek bil-ġuħ u tmajniek,
jew bil-għatx u sqejniek?

38Meta rajniek barrani u lqajniek, jew għeri u libbisniek?

39Meta rajniek marid jew fil-ħabs u ġejna nżuruk?’

40U s-Sultan iweġibhom u jgħid, ‘Tassew, ngħidilkom, kulma għamiltu ma’
wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi.’

41Imbagħad jgħid ukoll lil dawk ta’ fuq ix-xellug, ‘Morru minn quddiemi,
misħutin, fin-nar ta’ dejjem li tħejja għax-xitan u għall-anġli tiegħu.

42Għax jien kont bil-ġuħ u ma tmajtunix, kont bil-għatx u ma sqejtunix,

43kont barrani u ma lqajtunix, kont għeri u ma libbistunix, kont marid u fil-ħabs
u ma ġejtux iżżuruni!


© 2020 Malta Bible Society.

44Imbagħad huma wkoll iweġbuh, 'Mulej,' jgħidulu, 'meta rajniek bil-ġuħ, jew bil-għatx, jew barrani, jew għeri, jew marid, jew fil-ħabs, u aħna ma waqafniex miegħek?'

45Iweġibhom imbagħad u jgħidilhom, 'Tassew, ngħidilkom, dak li ma għamiltux ma' wieħed minn dawk iż-żgħar, anqas miegħi ma għamiltuh.'

46U dawn imorru fit-tbatija ta' dejjem u l-ġusti fil-ħajja ta' dejjem.

# Mattew 26

### Il-kapijiet jiftiehmu kontra Ġesù

(Mk 14,1-2; Lq 22,1-2; Ġw 11,45-53)

1Meta temm dawn id-diskorsi kollha, Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu:

2"Tafu li jumejn oħra jkun il-Għid, u Bin il-bniedem se jingħata biex isallbuh."

3Imbagħad il-qassisin il-kbar u x-xjuħ tal-poplu nġabru fil-palazz tal-qassis il-kbir, li kien jismu Kajfa,

4u bdew jiftiehmu kif jaqbdu lil Ġesù bil-qerq ta' moħħhom u jagħtuh il-mewt.

5Iżda qalu: "Mhux fil-festa, li ma tinqalax xi rewwixta fil-poplu."

### Ġesù midluk f'Betanja

(Mk 14,3-9; Ġw 12,1-8)

6Ġesù kien Betanja, għand Xmun il-lebbruż.

7U resqet lejh mara, b'vażett tal-alabastru biż-żejt ifuħ, jiswa ħafna, u ferrgħethulu fuq rasu xħin hu kien għadu fuq il-mejda.

8Id-dixxipli, kif raw dan, bdew jitmasħnu u jgħidu: "Dan il-ħala kollu għalfejn?

9Dan sata' jġib prezz tajjeb u jingħata karità lill-foqra."

10Ġesù induna u qalilhom: "Għaliex qegħdin iddejjquha lil din il-mara? Ħaġa tajba għamlet miegħi.

11Il-foqra ssibuhom dejjem magħkom, imma lili m'hux se ssibuni dejjem magħkom.

12Jekk hija xerrdet din il-fwieħa fuq ġismi, dan għamlitu bi tħejjija għad-difna tiegħi.

13Tassew, ngħidilkom, li kull fejn jixxandar dan l-Evanġelju fid-dinja kollha, li għamlet din jingħad ukoll, b'tifkira tagħha."

### It-tradiment ta' Ġuda

(Mk 14,10-11; Lq 22,3-6)


© 2020 Malta Bible Society.

14Imbagħad wieħed mit-Tnax, jismu Ġuda l-Iskarjota, mar għand il-qassisin il-
kbar

15u qalilhom: "Xi tridu tagħtuni u jiena nagħtikom lil Ġesù f'idejkom?" U huma
tawh tletin biċċa tal-fidda bħala ħlas.

16Minn dak il-ħin beda jfittex okkażjoni tajba biex jagħtihom lil Ġesù f'idejhom.

### Ġesù jagħmel l-ikla tal-Għid mad-dixxipli
(Mk 14,12-21; Lq 22,7-14.21-23; Ġw 13,21-30)

17Fl-ewwel jum tal-Ażżmi d-dixxipli resqu lejn Ġesù u qalulu: "Fejn tridna
nħejjulek l-ikla tal-Għid?"

18U hu qalilhom: "Morru l-belt għand it-tali, u għidulu, 'Qallek l-Imgħallem: Is-
siegħa tiegħi waslet; jien se nagħmel l-ikla tal-Għid għandek mad-dixxipli
tiegħi.' "

19Id-dixxipli għamlu kif ordnalhom Ġesù u ħejjew l-ikla tal-Għid.

20Għall-ħin ta' filgħaxija qagħad fuq il-mejda flimkien mat-Tnax,

21u waqt l-ikel qal: "Tassew ngħidilkom, li wieħed minnkom se jittradini."

22Huma bdew isewdu qalbhom ħafna u kull wieħed minnhom beda jsaqsih:
"Jaqaw jien, Mulej?"

23U Ġesù weġibhom: "Dak li jmidd idu u jbill il-ħobż fi platt wieħed miegħi, dak
li se jittradini.

24Bin il-bniedem imur kif hemm miktub fuqu imma ħażin għalih dak il-bniedem
li permezz tiegħu Bin il-bniedem ikun mogħti f'idejn l-għedewwa! Kien ikun
aħjar għalih dak il-bniedem li kieku ma twieled xejn!"

25Qabeż Ġuda, dak li ttradieh, u qallu: "Jaqaw jien, Rabbi?" Wieġbu Ġesù: "Int
qiegħed tgħidu."

### Il-twaqqif tal-Ewkaristija
(Mk 14,22-26; Lq 22,15-20; Ġw 6,51-58; 1 Kor 11,23-25)

26Huma u jieklu, Ġesù ħa l-ħobż f'idejh, qal il-barka, qasmu, newlu lid-dixxipli u
qal: "Ħudu, kulu, dan hu ġismi."

27Imbagħad ħa l-kalċi f'idejh, radd il-ħajr, newlilhom il-kalċi u qal: "Ixorbu lkoll
minnu,

28għax dan huwa demmi, id-demm tal-Patt, li jixxerred għall-kotra għall-maħfra
tad-dnubiet.

29Ngħidilkom, li ma nerġax nixrob iżjed minn dan il-frott tad-dielja sa dak inhar
li nixrob inbid ġdid magħkom fis-Saltna ta' Missieri."

### It-taħbira taċ-ċaħda ta' Pietru


© 2020 Malta Bible Society.

(Mk 14,27-31; Lq 22,31-34; Ġw 13,36-38; 16,32)

30Kantaw is-salmi u ħarġu lejn l-Għolja taż-Żebbuġ.

31Imbagħad Ġesù qalilhom: "Ilkoll kemm intom se titħawdu minħabba fija f'dan
il-lejl; għax hemm miktub, 'Nidrob ir-ragħaj, u n-nagħaġ tal-merħla jitferrxu.'

32Imma wara li nqum mill-mewt, immur il-Galilija qabilkom."

33Qabeż Pietru u qallu: "Jekk kulħadd jitħawwad minħabba fik, jiena ma
nitħawwad qatt."

34Qallu Ġesù: "Tassew, ngħidlek, li dal-lejl, qabel ma jidden is-serduk, int tkun
ġa ċħadtni tliet darbiet."

35Qallu Pietru: "Le, ma niċħdekx, anqas jekk ikolli mmut miegħek!" U d-dixxipli
l-oħra wkoll, kulħadd qal l-istess.

### Ġesù jitlob fil-Ġetsemani

(Mk 14,32-42; Lq 22,39-46; Ġw 18,1)

36Imbagħad Ġesù flimkien mad-dixxipli tiegħu wasal f'qasam, jgħidulu l-
Ġetsemani, u qal lid-dixxipli: "Oqogħdu bilqiegħda hawn sakemm immur
hemmhekk nitlob."

37U ħa miegħu lil Pietru u ż-żewġ ulied ta' Żebedew, u beda jsewwed qalbu u
jiddejjaq.

38Imbagħad qalilhom: "Għandi ruħi mnikkta għall-mewt; ibqgħu hawn u ishru
miegħi."

39Mexa kemmxejn 'il quddiem, inxteħet wiċċu fl-art jitlob u jgħid: "Missier, jekk
jista' jkun, biegħed minni dan il-kalċi! Imma mhux kif irrid jien, iżda kif trid int."

40Ġie ħdejn id-dixxipli u sabhom reqdin; u qal lil Pietru: "Mela ma flaħtux tishru
siegħa waħda miegħi?

41Ishru u itolbu biex ma tidħlux fit-tiġrib. L-ispirtu, iva, irid; imma l-ġisem
dgħajjef."

42Għat-tieni darba raġa' mar jitlob u qal: "Missieri, jekk dan il-kalċi ma jistax
jgħaddi mingħajr ma nixorbu, tkun magħmula r-rieda tiegħek."

43Mill-ġdid ġie u sabhom reqdin, għax għajnejhom kienu tqal bin-ngħas.

44Ħalliehom, u raġa' mar jitlob għat-tielet darba, u qal l-istess kliem.

45Imbagħad ġie ħdejn id-dixxipli u qalilhom: "Issa se torqdu u tistrieħu? Ara, is-
siegħa waslet, u Bin il-bniedem se jkun mogħti f'idejn il-midinbin.

46Qumu! Ejjew immorru! Araw, dak li se jittradini huwa fil-qrib!"

### Ġesù ttradut u arrestat

(Mk 14,43-50; Lq 22,47-53; Ġw 18,2-11)


© 2020 Malta Bible Society.

47Kif kien għadu jitkellem, ġie Ġuda, wieħed mit-Tnax, b'ġemgħa kbira ta' nies miegħu, armati bis-sjuf u l-bsaten, mibgħuta mill-qassisin il-kbar u x-xjuħ tal-poplu.

48Issa dak li kien se jittradih kien tahom sinjal u qalilhom: "Lil dak li nbus, dak hu: aqbduh."

49U minnufih resaq fuq Ġesù u qallu: "Is-sliem għalik, Rabbi!" U biesu.

50U Ġesù qallu: "Ħabib, għalhekk ġejt int!" Huma resqu lejh, meddew idejhom fuq Ġesù u qabduh.

51Wieħed minn dawk li kienu ma' Ġesù ħareġ idu u silet is-sejf, darab lill-qaddej tal-qassis il-kbir u qatagħlu widintu.

52Imbagħad Ġesù qallu: "Erġa' daħħal sejfek f'postu għax kull min jaqbad is-sejf, bis-sejf jinqered.

53Taħseb int li ma nistax nitlob lil Missieri u jibgħatli issa stess aktar minn tnax-il leġjun ta' anġli?

54Iżda mbagħad kif isseħħ l-Iskrittura li tgħid li hekk għandu jsir?"

55Fl-istess waqt Ġesù qal: "Qiskom ħriġtu għal xi ħalliel, armati bis-sjuf u l-bsaten biex taqbdu lili! Jien kuljum kont inkun bilqiegħda fit-tempju ngħallem, u ma żammejtunix."

56Iżda dan kollu ġara biex isseħħ il-kitba tal-profeti. Imbagħad id-dixxipli kollha telquh u ħarbu.

### Ġesù quddiem il-kunsill tas-Sinedriju

(Mk 14,53-65; Lq 22,54-55.68-71; Ġw 18,13-14.19-24)

57Dawk li qabdu lil Ġesù ħaduh quddiem Kajfa, il-qassis il-kbir, fejn ġa kienu nġabru l-kittieba u x-xjuħ.

58Pietru kien baqa' miexi warajh mill-bogħod sal-palazz tal-qassis il-kbir; daħal ġewwa u qagħad bilqiegħda mal-qaddejja biex jara kif kienet se tintemm il-biċċa.

59Il-qassisin il-kbar u s-Sinedriju kollha bdew ifittxu xhieda foloz kontra Ġesù bil-ħsieb li jagħtuh il-mewt,

60iżda għalkemm resqu bosta xhieda foloz, ma sabux fuqiex jixluh. Fl-aħħar resqu tnejn

61u qalu: "Dan qal, 'Nista' nħott it-tempju ta' Alla u nerġa' nibnih fi tlitt ijiem.' "

62Il-qassis il-kbir qam u qallu: "Xejn ma twieġeb? X'inhuma jixhdu dawn kontra tiegħek?"


© 2020 Malta Bible Society.

63Imma Ġesù baqa' sieket. Imbagħad il-qassis il-kbir qabad u qallu: "Aħlifli fuq
Alla l-ħaj u għidilna jekk intix il-Messija, Bin Alla."

64Qallu Ġesù: "Inti qiegħed tgħidu. U ngħidilkom ukoll: Minn issa 'l quddiem
għad taraw lil Bin il-bniedem bilqiegħda n-naħa tal-lemin ta' dak li jista' kollox
u ġej fuq is-sħab tas-sema."

65Imbagħad il-qassis il-kbir ċarrat ilbiesu u qal: "Din dagħwa! Xi ħtieġa għandna
iżjed ta' xhieda? Ara, smajtuha issa d-dagħwa!

66X'jidhrilkom?" Huma weġbuh u qalu: "Ħaqqu l-mewt!"

67Imbagħad beżqulu f'wiċċu u tawh bil-ponn, u xi wħud tawh bil-ħarta

68u qalulu: "Aqta' min tahielek, Messija, din id-daqqa!"

### Pietru jiċħad lil Ġesù

(Mk 14,67-72; Lq 22,56-62; Ġw 18,15-18.25-27)

69Intant Pietru kien hemm barra bilqiegħda, fil-bitħa tal-palazz. U resqet fuqu
waħda qaddejja u qaltlu: "Int ukoll kont ma' Ġesù tal-Galilija."

70Imma hu ċaħad quddiem kulħadd u qal: "Anqas naf xi trid tgħid."

71Imbagħad warrab lejn il-bieb, lemħitu qaddejja oħra u qalet lil dawk li kienu
hemm: "Dan kien ma' Ġesù ta' Nazaret."

72U raġa' ċaħad u ħalef: "Jien ma nafux lil dan il-bniedem!"

73Wara ftit dawk l-istess nies resqu lejn Pietru u qalulu: "Tassew, int ukoll
wieħed minnhom, għax għandek il-kisra ta' kliemek tikxfek."

74Imbagħad qabad jisħet lilu nnifsu u jaħlef: "Le, ma nafux lil dan il-bniedem!"
U minnufih is-serduk idden.

75U Pietru ftakar fil-kliem ta' Ġesù meta qallu li 'Qabel ma s-serduk jidden, int
tkun ġa ċħadtni tliet darbiet.' U ħareġ 'il barra jibki biki ta' qsim il-qalb.

## Mattew 27

### Ġesù quddiem Pilatu

(Mk 15,1; Lq 23,1-2; Ġw 18,28-32)

1L-għada filgħodu l-qassisin il-kbar u x-xjuħ tal-poplu ftiehmu lkoll bejniethom
biex lil Ġesù jaqtgħuhielu għall-mewt.

2Rabtuh u ħaduh magħhom biex jagħtuh f'idejn Pilatu, il-gvernatur.

### Il-mewt ta' Ġuda

(Atti 1,18-20)

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

3Imbagħad Ġuda, it-traditur, meta ra li Ġesù kien ikkundannat, nidem u mar bit-tletin biċċa tal-fidda għand il-qassisin il-kbar u x-xjuħ biex jerġa' jagħtihomlhom lura;

4u qalilhom: "Dnibt, għax ittradejt demm bla ħtija!" Iżda huma qalulu: 'Aħna din x'inhi affari tagħna? Dak arah int!"

5Hu waddab il-flus fis-santwarju, telaq u mar tgħallaq.

6Imbagħad il-qassisin il-kbar ġabru l-flus minn hemm u qalu: "Dawn ma nistgħux inqegħduhom mal-offerti, għax huma prezz tad-demm."

7Ftiehmu bejniethom, u b'dawk il-flus xtraw l-Għalqa ta' Haddiem il-Fuħħar, biex fiha jidfnu l-barranin.

8Kien għalhekk li dik l-għalqa ssemmiet l-Għalqa tad-Demm, u hekk għadha magħrufa sal-lum.

9Imbagħad seħħ dak li kien ingħad permezz tal-profeta Ġeremija meta qal: 'U ħadu t-tletin biċċa tal-fidda, il-prezz ta' dak li kien stmat bil-prezz mogħti minn ulied Iżrael,

10u tawhom għall-għalqa ta' ħaddiem il-fuħħar, kif ikkmandani l-Mulej.'

### Pilatu jistaqsi lil Ġesù

(Mk 15,2-15; Lq 23,1-5; Ġw 18,28—19,4-16)

11Ġesù waqaf quddiem il-gvernatur; u dan staqsieh: "Int is-sultan tal-Lhud?" U Ġesù wieġbu: "Inti qiegħed tgħidu."

12Iżda meta l-qassisin il-kbar u x-xjuħ bdew jakkużawh, hu ma wieġeb xejn.

13Għalhekk Pilatu qallu: "M'intix tisma' kemm ħwejjeġ qegħdin jixhdu kontra tiegħek!"

14Iżda hu anqas għal akkuża waħda ma wieġeb, hekk li l-gvernatur baqa' mistagħġeb ħafna.

### Ġesù kkundannat għall-mewt

(Mk 15,6-15; Lq 23,13-25; Ġw 18,39—19,6)

15Nhar ta' festa l-gvernatur kien soltu jitlaq wieħed ħabsi, lil min iridu huma.

16Dik il-ħabta kellhom wieħed ħabsi magħruf, jismu Barabba.

17Mela kif kienu miġbura, Pilatu qalilhom: "Lil min triduni nitilqilkom, lil Barabba jew lil Ġesù li jgħidulu l-Messija?"

18Għax hu kien jaf li kienet l-għira li ġagħlithom jagħtuh lil Ġesù f'idejh.

19Issa waqt li kien bilqiegħda fuq is-siġġu tat-tribunal, martu bagħtet tgħidlu: "Qis li ma jkollokx x'taqsam ma' dan ir-raġel ġust, għax illum minħabba fih batejt ħafna fil-ħolm."


© 2020 Malta Bible Society.

20Iżda l-qassisin il-kbar u x-xjuħ ġiegħlu l-poplu jitolbuh lil Barabba u jeqirdu 'l Ġesù.

21Il-gvernatur, mela, raġa' staqsiehom: "Lil min triduni nitilqilkom minnhom it-tnejn?" "Lil Barabba."

22Qalilhom Pilatu: "U x'nagħmel b'Ġesù li jgħidulu l-Messija?" Weġbuh ilkoll: "Sallbu!'

23Hu staqsiehom: "Imma x'għamel ħażin?" Huma aktar bdew jgħajtu u jgħidu: "Sallbu!"

24Meta mbagħad Pilatu ra li kollox kien għal xejn, anzi li aktarx kienet se tinqala' xi rewwixta, qabad, ħasel idejh fl-ilma quddiem il-poplu u qal: "Jien m'iniex ħati ta' dan id-demm: dan arawh intom!"

25U l-poplu kollu qabeż u qal: "Demmu fuqna u fuq uliedna!"

26Imbagħad telqilhom lil Barabba, u lil Ġesù, wara li tah is-swat, tahulhom biex isallbuh.

### Is-suldati jżebilħu lil Ġesù

(Mk 15,16-20; Ġw 19,1-3)

27Imbagħad is-suldati tal-gvernatur ħadu lil Ġesù fil-Pretorju, u ġabru quddiemu lil sħabhom kollha.

28Neżżgħuh, u xeħtulu fuqu mantar aħmar skur;

29qegħdulu fuq rasu kuruna minsuġa mix-xewk u qasba f'idu l-leminija, inxteħtu għarkupptejhom quddiemu, u qagħdu jiddieħku bih u jgħidulu: "Is-sliem għalik, sultan tal-Lhud!"

30Beżqu fuqu, u ħadulu l-qasba minn idu u bdew jagħtuh biha fuq rasu.

31Imbagħad, wara li għaddewh biż-żufjett, neżżgħulu l-mantar u xeddewlu ħwejġu.

### Ġesù msallab

(Mk 15,21-32; Lq 23,26-43; Ġw 19,17-24)

U ħaduh magħhom biex isallbuh.

32Huma u sejrin sabu raġel minn Ċireni, jismu Xmun, u ġagħluh jerfagħlu s-salib.

33Meta waslu f'post jgħidulu Golgota, jiġifieri post il-Qorriegħa,

34tawh jixrob inbid b'taħlita morra; hu daqu, imma ma riedx jixorbu.

35Imbagħad sallbuh, u qassmu ħwejġu bejniethom billi tellgħuhom bix-xorti,

36u nxteħtu bilqiegħda u qagħdu hemm għassa tiegħu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

37U qegħdulu fuq rasu l-kawża tal-kundanna tiegħu, li kienet tgħid hekk, 'Dan hu Ġesù, is-sultan tal-Lhud.'

38Imbagħad miegħu sallbu żewġ ħallelin, wieħed fuq il-lemin u l-ieħor fuq ix-xellug.

39Dawk li kienu għaddejjin bdew jgħajruh iċaqilqu rashom

40u jgħidu: "Int li tħott it-tempju u fi tlitt ijiem terġa' tibnih, salva lilek innifsek jekk int l-Iben ta' Alla, u inżel minn fuq is-salib!"

41Hekk ukoll il-qassisin il-kbar bdew jiddieħku bih mal-kittieba u x-xjuħ u jgħidu:

42"Salva oħrajn, lilu nnifsu ma jistax isalva! Hu s-sultan ta' Iżrael! Ħa jinżel issa minn fuq is-salib u nemmnu fih!

43Hu jafda f'Alla; ħa jeħilsu issa, jekk iħobbu! Għax hu qal, 'Jiena Bin Alla.' "

44U bl-istess mod bdew imaqdruh ukoll il-ħallelin li kienu msallbin miegħu.

### Il-mewt ta' Ġesù

(Mk 15,33-41; Lq 23,44-49; Ġw 19,28-30)

45Mis-sitt siegħa 'l quddiem waqgħet dalma kbira fuq il-pajjiż kollu sad-disa' siegħa.

46U madwar id-disa' siegħa Ġesù għajjat b'leħen qawwi u qal: "Eli, Eli, lema sabaqtani?" Jiġifieri, 'Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni?'

47Xi wħud minn dawk li kienu hemm, kif semgħuh, qalu: "Lil Elija qiegħed isejjaħ dan!"

48U minnufih wieħed minnhom mar jiġri, qabad sponża mimlija bil-ħall, waħħalha f'tarf ta' qasba u tah jixrob,

49waqt li l-oħrajn qalu: "Stenna, ħa naraw jiġix Elija jsalvah!"

50Imma Ġesù reġa' għajjat għajta kbira u radd ruħu.

51U ara, il-purtiera tas-santwarju ċċarrtet fi tnejn minn fuq s'isfel; l-art theżżet, il-blat inqasam,

52u l-oqbra nfetħu, u qamu ħafna iġsma ta' qaddisin li kienu mietu,

53li ħarġu mill-oqbra u wara l-qawmien tiegħu daħlu fil-Belt imqaddsa u dehru lil bosta nies.

54Iċ-ċenturjun u dawk li kienu miegħu għassa ta' Ġesù, kif raw l-art titheżżeż u jiġri dak kollu, imtlew b'biża' liema bħalu u qalu: "Dan kien tassew Bin Alla!"

55Hemmhekk kien hemm ħafna nisa jħarsu mill-bogħod, dawk stess li kienu mxew wara Ġesù biex jaqduh sa minn meta kien għadu fil-Galilija:

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

56fosthom kien hemm Marija ta’ Magdala, Marija omm Ġakbu u Ġużeppi u omm ulied Żebedew.

### Id-difna ta’ Ġesù

(Mk 15,42-47; Lq 23,50-56; Ġw 19,38-42)

57Xħin sar filgħaxija, ġie raġel għani, minn Arimatija, jismu Ġużeppi, li hu wkoll kien sar dixxiplu ta’ Ġesù;

58mar għand Pilatu u talbu l-ġisem ta’ Ġesù. Imbagħad Pilatu ordna li jingħatalu.

59Ġużeppi ħa l-ġisem u keffnu f’liżar nadif,

60qiegħdu fil-qabar ġdid tiegħu li kien ħaffer fil-blat, gerbeb ġebla kbira fid-daħla tal-qabar, u telaq.

61Iżda Marija ta’ Magdala u Marija l-oħra baqgħu hemm bilqiegħda biswit il-qabar.

### L-għassa mal-qabar

62L-għada, jiġifieri meta għadda Jum it-Tħejjija, il-qassisin il-kbar u l-Fariżej inġabru għand Pilatu

63u qalulu: “Sinjur, aħna ftakarna li dan il-bniedem qarrieq, meta kien għadu ħaj, qal, ‘Wara tlitt ijiem inqum.’

64Mela ordna li l-qabar ikun imħares tajjeb sat-tielet jum, li ma jmorrux jiġu d-dixxipli tiegħu jisirquh, u jgħidu lill-poplu, ‘Qam mill-imwiet,’ u hekk il-qerq tal-aħħar ikun agħar minn tal-ewwel.”

65Qalilhom Pilatu: “Għandkom l-għassa; morru ħarsuh tajjeb kif tafu.”

66U huma marru jissiġillaw il-ġebla biex il-qabar jibqa’ mħares sewwa, u ħallew ukoll l-għassa miegħu.

## Mattew 28

### Il-qawmien ta’ Ġesù mill-imwiet

(Mk 16,1-10; Lq 24,1-12; Ġw 20,1-10)

1Meta għadda s-Sibt, maż-żerniq tal-ewwel jum tal-ġimgħa, Marija ta’ Magdala u Marija l-oħra marru jaraw il-qabar.

2U ara, inħasset theżżiża kbira għax niżel anġlu tal-Mulej mis-sema, u resaq igerbeb il-ġebla u qagħad bilqiegħda fuqha.

3Id-dehra tiegħu kienet bħal berqa; ilbiesu abjad bħas-silġ.

4Bil-biża’ tiegħu l-għassiesa qabdithom rogħda u saru qishom mejtin.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

5Iżda l-anġlu qabad u qal lin-nisa: "Tibżgħu xejn intom għax jiena naf li qegħdin
tfittxu lil Ġesù li kien imsallab.

6Mhuwiex hawn, għaliex qam, kif kien qal. Ejjew araw il-post fejn kien qiegħed.

7U morru malajr għidu lid-dixxipli tiegħu li hu qam mill-imwiet. U araw, huwa
sejjer il-Galilija qabilkom: tarawh hemmhekk. Araw, għedtulkom."

8Dawk telqu malajr minn ħdejn il-qabar, kollhom biża' u ferħ kbir, u marru jiġru
jagħtu l-aħbar lid-dixxipli tiegħu.

9U ara, iltaqa' magħhom Ġesù u qalilhom: "Is-sliem għalikom." Huma resqu lejh,
qabdulu riġlejh u nxteħtu quddiemu.

10Imbagħad Ġesù qalilhom: "Tibżgħu xejn; morru wasslu l-aħbar lil ħuti biex
jitilqu lejn il-Galilija; lili jarawni hemmhekk."

### L-għases jagħtu l-aħbar tal-ġrajja

11Huma u sejrin, xi wħud mill-għases marru l-belt għand il-qassisin il-kbar u
tawhom l-aħbar ta' kulma kien ġara.

12Dawn inġabru flimkien max-xjuħ, ftiehmu bejniethom, u taw lis-suldati
kemxa flus ġmielha

13u qalulhom: "Għidu hekk, 'Ġew id-dixxipli tiegħu billejl u serquh waqt li konna
reqdin.'

14U jekk il-gvernatur jisma' b'dan, aħna nġagħluh jemmen, u lilkom neħilsukom
minn kull inkwiet."

15Dawk ħadu l-flus u għamlu kif qalulhom. U din il-biċċa xterdet hekk fost il-
Lhud sal-ġurnata tal-lum.

### Ġesù jagħti l-missjoni lill-appostli

(Mk 16,14-18; Lq 24,36-49; Ġw 20,19-23; Atti 1,6-8)

16Il-ħdax-il dixxiplu telqu lejn il-Galilija u marru fuq il-muntanja fejn kien
ordnalhom Ġesù.

17Kif rawh, inxteħtu quddiemu, għalkemm xi wħud iddubitaw.

18Ġesù resaq ikellimhom u qalilhom: "Lili ngħatat kull setgħa fis-sema u fl-art.

19Morru, mela, agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem tal-
Missier u tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu,

20u għallmuhom iħarsu dak kollu li ordnajtilkom jien. U ara, jiena magħkom
dejjem, sal-aħħar taż-żmien."


© 2020 Malta Bible Society.

# Mark

## Mark 1

### Il-predikazzjoni ta' Ġwanni l-Battista

(Mt 3,1-12; Lq 3,3-18; Ġw 1,19-28)

1Il-Bidu tal-Evanġelju ta' Ġesù Kristu l-Iben ta' Alla.

2Bħalma hu miktub fil-ktieb ta' Isaija l-profeta, 'Ara, jien nibgħat qablek il-ħabbâr tiegħi biex iħejji triqtek.

3 Leħen ta' wieħed jgħajjat fid-deżert: Hejju t-triq tal-Mulej, iddrittaw il-mogħdijiet tiegħu',

4hekk Ġwanni deher jgħammed fid-deżert u jxandar magħmudija ta' ndiema għall-maħfra tad-dnubiet.

5U kienet tmur għandu l-Lhudija kollha u n-nies kollha ta' Ġerusalemm, jitgħammdu minnu fix-xmara Ġordan waqt li jistqarru dnubiethom.

6Ġwanni kien jilbes libsa tax-xagħar tal-ġemel, bi ħżiem tal-ġild madwar qaddu, u kien jiekol ġradijiet u għasel selvaġġ.

7U kien ixandar u jgħid: "Ġej warajja min hu aqwa minni, li jien ma jistħoqqlix nitbaxxa quddiemu u nħoll il-qfieli tal-qorq tiegħu.

8Jiena għammidtkom bl-ilma, iżda huwa jgħammidtkom bl-Ispirtu s-Santu."

### Il-magħmudija ta' Ġesù

(Mt 3,13-17; Lq 3,21-22)

9U ġara li f'dawk il-jiem ġie Ġesù minn Nazaret tal-Galilija, u tgħammed minn Ġwanni fil-Ġordan.

10U minnufih hu u tiela' mill-ilma ra s-smewwiet jinfetħu, u l-Ispirtu bħal ħamiema nieżel fuqu;

11u mis-smewwiet instama' leħen: "Inti ibni l-għażiż; fik sibt l-għaxqa tiegħi."

### It-tiġrib ta' Ġesù fid-deżert

(Mt 4,1-11; Lq 4,1-13)

12Imbagħad minnufih l-Ispirtu ħarġu fid-deżert.

13U baqa' fid-deżert erbgħin jum, jiġġarrab mix-Xitan. Kien jgħix mal-bhejjem selvaġġi, u kienu jaqduh l-anġli.

### Il-bidu tal-ministeru ta' Ġesù fil-Galilija

(Mk 4,12-17; Lq 4,14-15)

14Wara li arrestaw lil Ġwanni, Ġesù mar il-Galilija jxandar l-Evanġelju ta' Alla


© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

15u jgħid: "Iż-żmien huwa mitmum, u s-Saltna ta' Alla waslet; indmu u emmnu
fl-Evanġelju."

### Ġesù jsejjaħ erba' sajjieda
(Mt 4,18-20; Lq 5,1-11)

16Waqt li kien għaddej ma' xatt il-baħar tal-Galilija, lemaħ lil Xmun u 'l ħuh Indrì
qegħdin ikalaw ix-xbiek fil-baħar, għax kienu sajjieda.

17U Ġesù qalilhom: "Ejjew warajja, u nagħmel minnkom sajjieda tal-bnedmin."

18U minnufih telqu x-xbiek, u marru warajh.

19Wara li mexa ftit ieħor ra lil Ġakbu ta' Żebedew u lil ħuh Ġwanni fid-dgħajsa
qegħdin isewwu x-xbiek,

20u minnufih sejħilhom. U huma telqu lil missierhom Żebedew fid-dgħajsa mal-
lavranti, u marru warajh.

### Ġesù jfejjaq raġel li kellu spirtu ħażin
(Lq 4,31-37)

21U daħlu Kafarnahum. Malajr, f'jum is-Sibt, daħal fis-sinagoga u qagħad
jgħallem.

22In-nies baqgħu mistagħġbin bil-mod tat-tagħlim tiegħu, għax beda
jgħallimhom bħal wieħed li għandu s-setgħa, u mhux bħall-kittieba.

23Mela jkun hemm fis-sinagoga tagħhom raġel bi spirtu ħażin

24u qabad jgħajjat u jgħid: "Aħna x'għandna x'naqsmu, Ġesù ta' Nazaret? Ġejt
biex teqridna? Jien naf min int: 'Il-Qaddis ta' Alla'."

25Imma Ġesù kkmandah: "Iskot," qallu, "u oħroġ minnu."

26Imbagħad l-ispirtu ħażin lir-raġel beda jħabbtu ħafna, għajjat għajta kbira u
ħareġ minnu.

27U lkoll stagħġbu, u bdew jistaqsu lil xulxin u jgħidu: "Dan x'inhu? X'tagħlim
ġdid mogħti bis-setgħa! Sa lill-ispirti ħżiena jikkmanda, u huma joqogħdu
għalih!"

28U l-fama tiegħu malajr xterdet mal-inħawi kollha tal-Galilija.

### Ġesù jfejjaq ħafna nies
(Mt 8,14-15; Lq 4,38-39)

29Harġu mis-sinagoga u baqa' sejjer ma' Ġakbu u Ġwanni għand Xmun u Indrì.

30Issa omm il-mara ta' Xmun kienet fis-sodda bid-deni, u malajr qalulu biha.

31Resaq lejha, qabadha minn idha u qajjimha. U d-deni ħallieha, u bdiet
isservihom.


© 2020 Malta Bible Society.

[32]Filgħaxija, imbagħad, fi nżul ix-xemx, ħadulu quddiemu lil dawk kollha li kienu morda jew li kienu maħkuma mix-xitan.

[33]U quddiem il-bieb inġabret il-belt bi ħġarha.

[34]U fejjaq ħafna morda minn kull xorta ta' mard, u ħareġ għadd kbir ta' xjaten li hu ma kienx iħallihom jitkellmu, għax huma kienu jafu min kien.

### Ġesù jmur jippriedka
(Lq 4,42-44)

[35]L-għada filgħodu kmieni, qabel ma żernaq, qam, ħareġ u mar f'post imwarrab u qagħad hemm jitlob.

[36]Xmun u sħabu l-oħrajn marru jfittxuh.

[37]Kif sabuh, qalulu: "Kulħadd jistaqsi għalik."

[38]U qalilhom: "Ejjew immorru band'oħra, fl-irħula tal-qrib, ħalli nippriedka hemmhekk ukoll, għax għalhekk ħriġt."

[39]U dar il-Galilija kollha, jippriedka fis-sinagogi tagħhom u joħroġ ix-xjaten.

### Ġesù jfejjaq wieħed lebbruż
(Mt 8,2-4; Lq 5,12-16)

[40]Resaq fuqu wieħed lebbruż jitolbu bil-ħerqa, inxteħet għarkupptejh quddiemu u qallu: "Jekk trid, tista' tfejjaqni."

[41]Imqanqal mill-ħniena, Ġesù medd idu fuqu, messu u qallu: "Irrid, kun imnaddaf."

[42]U minnufih il-lebbra marritlu u ġismu ndaf.

[43]U widdbu bis-sħiħ, bagħtu malajr

[44]u qallu: "Qis li ma tgħid xejn lil ħadd; iżda mur uri ruħek lill-qassis, u agħmel offerta għall-fejqan tiegħek kif ordna Mosè, biex tkunilhom ta' xhieda."

[45]Iżda dak, meta telaq, beda jxandar ma' kullimkien u jxerred l-aħbar, hekk li Ġesù f'ebda belt ma sata' iżjed jidħol bid-dieher, imma kien jibqa' barra fil-kampanja u kienu jmorru ħdejh nies minn kullimkien.

## Mark 2

### Ġesù jfejjaq wieħed mifluġ
(Mt 9,1-8; Lq 5,17-26)

[1]Meta wara xi ġranet daħal Kafarnahum, in-nies semgħet li kien id-dar.

[2]U nġabru bosta, hekk li ma kienx hemm fejn joqogħdu iżjed, anqas quddiem il-bieb. U qagħad ixandrilhom il-kelma.


© 2020 Malta Bible Society.

3U marru ħadulu quddiemu wieħed miflug̀, merfugħ minn erbgħa min-nies.

4Billi ma setgħux jersqu sa ħdejh minħabba l-kotra, qalgħu s-saqaf ta' fuqu, fetħu toqba, u niżżlu minnha l-friex li fuqu kien mimdud il-miflug̀.

5Meta ra l-fidi tagħhom, Ġesù qal lill-miflug̀: "Ibni, dnubietek maħfura."

6Mela kien hemm bilqiegħda xi wħud mill-kittieba, u f'qalbhom bdew jgħidu:

7"Dan kif qiegħed jitkellem hekk? Dan qiegħed jidgħi! Min jista' jaħfirhom id-dnubiet ħlief Alla biss?"

8Malli Ġesù ntebaħ fih innifsu x'kienu qegħdin jgħidu bejnhom u bejn ruħhom qalilhom: "Għaliex qegħdin taħsbu hekk f'qalbkom?

9X'inhu l-eħfef, tgħid lill-miflug̀, 'Dnubietek maħfura', jew tgħidlu, 'Qum u aqbad friexek u imxi'?

10Mela biex tkunu tafu li Bin il-bniedem għandu s-setgħa jaħfer id-dnubiet fuq l-art," qal lill-miflug̀,

11"Qum, qiegħed ngħidlek, aqbad friexek u mur lejn darek."

12Dak qam, qabad malajr friexu, u ħareġ 'il barra quddiem kulħadd. U kulħadd stagħġeb, u bdew ifaħħru lil Alla u jgħidu: "Ħwejjeġ bħal dawn qatt ma rajniehom."

### Is-sejħa ta' Levi

(Mt 9,9-13; Lq 5,27-32)

13Raġa' ħareġ lejn xatt il-baħar, u n-nies kollha resqu lejh, u hu qagħad jgħallimhom.

14Hu u għaddej lemaħ lil Levi ta' Alfew bilqiegħda quddiem il-mejda tat-taxxi. "Ejja warajja," qallu. Dak qam u mar warajh.

15U ġara li kif kien fuq il-mejda fid-dar tiegħu, bosta pubblikani u midinbin qagħdu madwar il-mejda ma' Ġesù, u mad-dixxipli tiegħu; għax kien hemm ħafna li bdew imorru warajh.

16Il-kittieba tal-Fariżej, kif rawh jiekol mal-midinbin u mal-pubblikani, qalu lid-dixxipli tiegħu: "Dan għaliex jiekol mal-pubblikani u mal-midinbin?"

17Ġesù semagħhom u qalilhom: "It-tabib ma jeħtiġuhx dawk li huma f'saħħithom, iżda l-morda. Mhux il-ġusti ġejt insejjaħ, iżda l-midinbin."

### Mistoqsija fuq is-sawm

(Mt 9,14-17; Lq 5,33-39)

18Darba waħda d-dixxipli ta' Ġwanni u l-Fariżej kienu sajmin, u ġew u qalu lil Ġesù: "Għaliex id-dixxipli ta' Ġwanni u d-dixxipli tal-Fariżej isumu, u d-dixxipli tiegħek ma jsumux?"


© 2020 Malta Bible Society.

19Qalilhom Ġesù: "Huwa l-ħbieb tal-għarus se jsumu sakemm l-għarus ikun
għadu magħhom? Sakemm ikollhom l-għarus magħhom mhumiex se jsumu.

20Imma jasal il-jum meta l-għarus jitteħdilhom, u mbagħad isumu dak inhar.

21Ħadd ma jraqqa' mantar qadim b'biċċa drapp ġdida, għax inkella r-roqgħa l-
ġdida ssellet il-qadim, u t-tiċrita tikber.

22U ħadd ma jqiegħed l-inbid il-ġdid f'damiġġani qodma tal-ġild, għax inkella l-
inbid jifqa' d-damiġġani, u jintilef kemm l-inbid u kemm id-damiġġani. Iżda
nbid ġdid jitqiegħed f'damiġġani ġodda!"

### Id-dixxipli jaqtgħu s-sbul is-Sibt

(Mt 12,1-8; Lq 6,1-5)

23Ġara li darba s-Sibt kien għaddej minn għalqa miżrugħa, u d-dixxipli tiegħu,
huma u mexjin, bdew jaqtgħu s-sbul.

24U l-Fariżej staqsewh: "Ara, għaliex qegħdin jagħmlu dak li ma jiswiex nhar ta'
Sibt?"

25U hu qalilhom: "Qatt ma qrajtu x'għamel David meta kien fil-ħtieġa u ħadu l-
ġuħ, hu u dawk li kienu miegħu,

26kif daħal fid-dar ta' Alla, fi żmien il-qassis il-kbir Abjatar, u kiel il-ħobż tal-
preżenza ta' quddiem il-Mulej, li ħadd ma kien jista' jieklu ħlief il-qassisin, u ta
minnu wkoll lil min kien miegħu?"

27U qalilhom: "Is-Sibt kien magħmul għall-bniedem, u mhux il-bniedem għas-
Sibt.

28Għalhekk Bin il-bniedem tas-Sibt ukoll huwa sid."

## Mark 3

### Ir-raġel b'idu niexfa

(Mt 12,9-14; Lq 6,6-11)

1Raġa' daħal fis-sinagoga, u kien hemm raġel li kellu idu niexfa.

2U qagħdu jgħassulu jekk ifejqux f'jum is-Sibt, biex ikollhom fuqiex jixluh.

3Imma hu qal lir-raġel li kellu idu niexfa: "Qum, ejja fin-nofs."

4Imbagħad staqsa lilhom: "X'jiswa li tagħmel nhar ta' Sibt, ġid jew deni? Issalva
ħajja jew toqtolha?" Iżda huma baqgħu siekta.

5U xeħet ħarsa qalila madwaru fuqhom, imnikket għall-aħħar minħabba l-
ebusija ta' qalbhom, u qal lir-raġel: "Midd idek." Dak meddha, u idu reġgħet ġiet
f'saħħitha.


© 2020 Malta Bible Society.

[6]U l-Fariżej ħarġu; minnufih bdew jiftiehmu mal-Erodjani kontra tiegħu kif
jeqirduh.

### Kotra kbira f'xatt il-baħar
(Mt 12,15-16)

[7]Ġesù telaq flimkien mad-dixxipli tiegħu għan-naħa tal-baħar, u kotra kbira
mill-Galilija marret warajh; u mil-Lhudija,

[8]minn Ġerusalemm, mill-Idumija, min-naħa l-oħra tal-Ġordan, u mill-inħawi ta'
Tir u Sidon, kotra kbira ta' nies, li semgħu b'kulma kien għamel, marru ħdejh.

[9]Hu qal lid-dixxipli tiegħu biex iżommulu dgħajsa mħejjija fil-qrib minħabba l-
kotra, biex ma jagħfsux fuqu;

[10]għax billi kien fejjaq ħafna nies dawk kollha li kellhom xi mard kienu jrossu
fuqu biex imissuh.

[11]U l-ispirti ħżiena kull darba li kienu jilmħuh, kienu jinxteħtu fl-art quddiemu
u jaqbdu jgħajtu: "Int l-Iben ta' Alla!"

[12]Iżda hu kien jordnalhom bis-sħiħ biex ma jurux min kien.

### Ġesù jagħżel it-Tnax
(Mt 10,1-4; Lq 6,12-16)

[13]Tela' fuq l-għolja u sejjaħ lejh lil dawk li ried. Huma resqu lejh,

[14]u għażel tnax li semmiehom appostli biex jibqgħu miegħu u biex jibgħathom
jippridkaw,

[15]u jkollhom is-setgħa li jkeċċu x-xjaten.

[16]Għażel mela t-Tnax: Xmun, li tah ukoll l-isem ta' Pietru,

[17]u Ġakbu ta' Żebedew, u Ġwanni, ħu Ġakbu, li tahom ukoll l-isem ta' Boanerges,
jiġifieri wlied ir-ragħad,

[18]u Indrì, u Filippu, u Bartilmew, u Mattew, u Tumas, u Ġakbu ta' Alfew, u
Taddew, u Xmun il-Kanani,

[19]u Ġuda l-Iskarjota, dak li ttradieh.

### Ġesù u Begħelżebul
(Mt 12,22-32; Lq 11,14-23; 12,10)

[20]Imbagħad mar id-dar, u l-kotra reġgħet inġemgħet, hekk li anqas biss setgħu
jieklu.

[21]Qrabatu, malli semgħu, ħarġu biex iżommuh, għax qalu li tilef moħħu.

[22]Il-kittieba li kienu niżlu minn Ġerusalemm bdew jgħidu: "Dan għandu fih lil
Begħelżebul," u wkoll, "Dan bis-saħħa tal-Prinċep tax-xjaten qiegħed ikeċċihom
ix-xjaten."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

23Hu sejħilhom lejh u beda jkellimhom bil-parabboli: "Kif jista' x-Xitan ikeċċi x-Xitan?

24Jekk saltna tinqasam fiha nfisha, dik is-saltna ma tistax iżżomm wieqfa.

25U jekk familja tinqasam fiha nfisha, dik il-familja ma tistax iżżomm wieqfa.

26Li kieku mela x-Xitan qam kontra tiegħu nnifsu u nfired, ma kienx jista' jżomm sħiħ, imma jkun wasal fit-tmiem.

27Hadd ma jista' jidħol fid-dar ta' wieħed qawwi u jaħtaflu ġidu jekk qabel ma jkunx rabat lil dak il-qawwi; imbagħad id-dar jaħtafhielu żgur.

28Tassew ngħidilkom, kollox jinħafrilhom lil ulied il-bniedem, id-dnubiet u d-dagħa kollu li jidgħu.

29Imma min jieqaf lill-Ispirtu s-Santu ma jkollu qatt maħfra; jibqa' ħati għal dejjem."

30Għax kienu qalu: "Għandu fih spirtu ħażin."

### Omm Ġesù u ħutu

(Mt 12,46-50; Lq 8,19-21)

31Darba ġew ommu u ħutu, baqgħu barra u bagħtu jsejħulu.

32Dak il-ħin kien hemm ħafna nies bilqiegħda madwaru. "Ara," qalulu, "ommok u ħutek qegħdin hemm barra u jriduk."

33U hu weġibhom: "Min huma ommi u ħuti?"

34Imbagħad dawwar ħarstu fuq dawk li kien hemm madwaru bilqiegħda, u qal: "Dawn, ara, huma ommi u ħuti.

35Kull min jagħmel ir-rieda ta' Alla, dak huwa ħija, u oħti, u ommi."

## Mark 4

### Il-parabbola taż-żerriegħ

(Mt 13,1-9; Lq 8,4-8)

1Raġa' beda jgħallem ħdejn il-baħar, u nġabret madwaru kotra kbira, hekk li kellu jitla' bilqiegħda f'dgħajsa fuq il-baħar, u n-nies kollha l-art matul ix-xatt.

2U qagħad jgħallimhom ħafna ħwejjeġ bil-parabboli, u fit-tagħlim tiegħu qalilhom:

3"Isimgħu. Darba kien hemm bidwi u ħareġ jiżra'.

4Ġara li hu u jiżra', xi żerrigħat waqgħu fil-mogħdija; ġew l-għasafar u naqqruhom kollha.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

5Oħrajn waqgħu f'art kollha blat fejn ma kienx hemm wisq ħamrija, u malajr nibtu, għax il-ħamrija ma kinitx fonda;

6meta mbagħad telgħet ix-xemx, inħarqu u nixfu, billi ma kellhomx għeruq.

7Oħrajn waqgħu qalb ix-xewk u x-xewk kiber u ħanaqhom, u frott ma għamlux.

8Oħrajn waqgħu f'art tajba, u għamlu l-frott; u l-frott kiber u tkattar, u min għamel tletin, min sittin, u min mija."

9U qal: "Min għandu widnejn biex jisma', ħa jisma'!"

### L-għala Ġesù tkellem bil-parabboli

(Mt 13,10-15; Lq 8,9-10)

10Meta kien waħdu, dawk ta' madwaru flimkien mat-Tnax resqu jitolbuh ifissrilhom il-parabboli.

11U hu qalilhom: "Lilkom ingħata l-misteru tas-Saltna ta' Alla, imma l-oħrajn, li huma barra, ikollhom kollox bil-parabboli,

12ħalli 'jħarsu kemm iħarsu ma jarawx, u jisimgħu kemm jisimgħu ma jifhmux, li ma jbiddlux ħajjithom u jaqilgħu l-maħfra'."

### Ġesù jfisser il-parabbola taż-żerriegħ

(Mt 13,18-23; Lq 8,11-15)

13"Din il-parabbola m'intomx tifhmuha?" qalilhom. "Mela kif se tifhmu l-parabboli l-oħra kollha?

14Dak li l-bidwi jiżra' hija l-kelma.

15Dawk ta' matul il-mogħdija, fejn inżergħet il-kelma, huma dawk li malli jisimgħuha, jersaq ix-Xitan u jaħtfilhom il-kelma li nżergħet f'qalbhom.

16Dawk li jinżergħu f'art kollha blat huma dawk li meta jisimgħu l-kelma, minnufih jilqgħuha bil-ferħ,

17imma għeruq ma jkollhomx, u għalhekk ftit idumu; meta mbagħad jiġi fuqhom l-għawġ, jew isibu min iħabbathom minħabba l-kelma, malajr jitfixklu.

18L-oħrajn li jinżergħu qalb ix-xewk huma dawk li jisimgħu l-kelma,

19iżda l-inkwiet żejjed għall-ħwejjeġ tad-dinja, ir-rabta mal-ġid tal-art, u l-ġibda għal ħwejjeġ oħra, jidħlu fihom u joħonqulhom il-kelma, li għalhekk ma tagħmilx frott.

20Dawk imbagħad li jinżergħu f'art tajba huma dawk li jisimgħu l-kelma, jilqgħuha, u jagħmlu l-frott, min tletin, min sittin u min mija."

### Il-parabbola tal-musbieħ

21U qalilhom: "Jaqaw il-musbieħ iġibuh biex iqegħduh taħt is-siegħ jew taħt is-sodda? Mhux fuq l-imnara jqegħduh?

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

22Għax ma hemm xejn moħbi jekk mhux biex jingħaraf, u xejn ma hu mistur
jekk mhux biex jinġieb għad-dawl.

23Jekk hawn min għandu widnejn biex jisma', ħa jisma'!"

24U qalilhom: "Oqogħdu attenti x'tisimgħu! Bl-istess kejl li tkejlu intom jitkejjel
lilkom, u jingħatalkom iżjed ukoll.

25Għax min għandu, jingħatalu; u min ma għandux, jitteħidlu saħansitra dak li
għandu."

### Il-parabbola taż-żerriegħa li tinbet weħidha

26U qal: "Is-Saltna ta' Alla hi bħal meta raġel ikun xeħet iż-żerriegħa fl-art.

27Rieqed jew imqajjem, billejl jew binhar, iż-żerriegħa tinbet u tikber, bla ma
jaf kif.

28L-art trodd minnha nfisha l-ewwel il-barma, imbagħad is-sbula, imbagħad il-
qamħ mimli fis-sbula.

29U meta l-frott isir, malajr il-bidwi jmidd idu għall-minġel, għax ikun wasal
żmien il-ħsad."

### Il-parabbola taż-żerriegħa tal-mustarda

(Mt 13,31-32; Lq 13,18-19)

30U qal: "Ma' xiex sejrin inqabbluha s-Saltna ta' Alla, jew b'liema parabbola
nfissruha?

31Qisha żerriegħa tal-mustarda; din meta tinżara' fil-ħamrija, hi l-iċken fost iż-
żrieragħ kollha fuq l-art;

32imma wara li tinżara' tikber u ssir l-akbar waħda fost il-ħxejjex kollha, u
toħroġ friegħi wesgħin, hekk li l-għasafar tal-ajru jkunu jistgħu jistkennu għad-
dell tagħha."

### L-użu tal-parabboli

(Mt 13,34-35)

33B'ħafna parabboli bħal dawn kien ixandrilhom il-kelma, kif kienu jistgħu
jifhmuha huma,

34u mingħajr xi parabbola ma kienx ikellimhom; imma lid-dixxipli tiegħu, meta
kien ikun waħdu magħhom, kien ifissrilhom kollox.

### Ġesù jsikket it-tempesta

(Mt 8,18.23-27; Lq 8,22-25)

35Dak inhar, xħin sar filgħaxija qalilhom: "Ejjew naqsmu għax-xatt l-ieħor."

36Hallew in-nies, u ħaduh magħhom kif kien fid-dgħajsa; u marru miegħu
dgħajjes oħra.


© 2020 Malta Bible Society.

37U qam riefnu kbir, u l-mewġ beda tiela' għal ġod-dgħajsa, hekk li kienet ġa bdiet timtela bl-ilma.

38Hu kien fil-poppa, rieqed fuq imħadda. Qajmuh u qalulu: "Mgħallem, dan qisu mhu xejn għalik li aħna se nintilfu?"

39Imbagħad qam, ordna lir-riħ u qal lill-baħar: "Iskot! Biżżejjed!" U r-riħ waqaf u waqgħet kalma kbira.

40U qalilhom: "Dal-biża' kollu għaliex? Mela ma għandkomx fidi?"

41U qabadhom biża' kbir, u bdew jgħidu lil xulxin: "Dan min hu, mela, biex saħansitra r-riħ u l-baħar jisimgħu minnu?"

# Mark 5

### Ġesù jfejjaq raġel imxajtan f'Gerasa

(Mt 8,28-34; Lq 8,26-39)

1Waslu x-xatt l-ieħor tal-baħar u ġew fil-pajjiż tal-Gerasin.

2Kif niżel mid-dgħajsa, resaq fuqu wieħed, li ħareġ mill-oqbra, li kien maħkum minn spirtu ħażin.

3Dan kien jgħammar fl-oqbra, u ħadd ma kien jista' jżommu marbut, anqas b'katina,

4għax bosta drabi laħqu rabtuh bix-xkiel u bil-ktajjen u hu kien jaqsam il-ktajjen u jkisser ix-xkiel, u ħadd ma kellu l-ħila jżommu.

5Lejl u nhar kien il-ħin kollu joqgħod qalb l-oqbra jew fuq il-muntanji, jixher u jqatta' ġismu biż-żrar.

6Kif lemaħ lil Ġesù mill-bogħod ġera lejh, inxteħet fl-art quddiemu,

7u għajjat b'leħen qawwi u qallu: "Aħna x'għandna x'naqsmu, Ġesù, Bin Alla l-Għoli? Aħlifli fuq Alla li ma taħqarnix!"

8Għax kien qallu: "Oħroġ, ja spirtu ħażin, minn dan il-bniedem!"

9Imbagħad staqsieh: "X'jismek?" "Leġjun jisimni," wieġbu, "għax aħna ħafna."

10U beda jitolbu bil-ħerqa biex ma jkeċċihomx barra mill-pajjiż.

11Mela kien hemm merħla kbira ta' qżieqeż tirgħa mal-ġenb tal-għolja,

12u l-ispirti talbuh ħafna u qalulu: "Ibgħatna lejn il-qżieqeż ħa nidħlu fihom."

13U ħalliehom imorru. L-ispirti ħżiena ħarġu, u daħlu fil-qżieqeż; u l-merħla, li kienet ta' madwar elfejn ras, inxteħtet għal ġol-baħar mill-għoli tax-xaqliba u għerqet fil-baħar.


© 2020 Malta Bible Society.

14Ir-rgħajja tagħhom ħarbu u marru jxerrdu l-aħbar mal-belt u l-irziezet, u n-
nies ġiet tara x'ġara.

15Ġew ħdejn Ġesù, u lil dak li qabel kien maħkum mix-xitan u li kellu l-leġjun ġo
fih rawh bilqiegħda, liebes u moħħu f'sikktu, u baqgħu miblugħin bil-biża'.

16In-nies li raw il-ġrajja qalulhom x'kien għadda minn għala l-imxajtan u l-
qżieqeż.

17Imbagħad bdew jitolbuh ħafna lil Ġesù biex iwarrab minn pajjiżhom.

18Kif kien tiela' fuq id-dgħajsa, dak li qabel kien maħkum mix-xitan beda jitolbu
ħafna biex iħallih jibqa' miegħu.

19Iżda hu ma ħalliehx, u qallu: "Mur inġabar id-dar ma' niesek, u għidilhom
kulma għamel miegħek il-Mulej, u kif ħenn għalik."

20Dak telaq, u beda jxandar fid-Dekapoli kemm kien għamel miegħu Ġesù. U
kulħadd stagħġeb.

### Ġesù jfejjaq mara u jqajjem tifla mill-mewt

(Mt 9,18-26; Lq 8,40-56)

21Wara li Ġesù raġa' qasam bid-dgħajsa għax-xatt l-ieħor, waqt li kien ħdejn il-
baħar inġabret madwaru kotra kbira ta' nies.

22U ġie wieħed mill-kapijiet tas-sinagoga, jismu Ġajru. Dan, malli rah, inxteħet
f'riġlejh,

23u talbu ħafna u qallu: "Binti ż-żgħira waslet fl-aħħar; ejja qiegħed idejk fuqha,
ħalli tfiq u tgħix."

24U Ġesù telaq miegħu, b'kotra kbira miexja warajh, kulħadd iross fuqu.

25U kien hemm mara li kienet ilha tnax-il sena sħaħ tbati bit-tnixxija tad-demm.

26Kienet batiet wisq taħt ħafna tobba, u nefqet kulma kellha, u mhux biss ma
swielha xejn, imma talli marret għall-agħar.

27Meta semgħet b'Ġesù, ġiet qalb il-folla, resqet minn warajh u messitlu l-
mantar,

28għax qalet: "Jekk immiss imqar il-mantar tiegħu nkun imfejqa."

29F'daqqa waħda t-tnixxija tad-demm waqfitilha, u ġewwa fiha ħasset li kienet
fieqet mill-marda tagħha.

30Ġesù minnufih intebaħ bil-qawwa li ħarġet minnu, u dar lejn il-kotra u staqsa:
"Min messli l-mantar?"

31Id-dixxipli tiegħu qalulu: "Qiegħed tara dawn in-nies kollha jrossu madwarek,
u tistaqsi: Min messni?"


© 2020 Malta Bible Society.

32Hu beda jħares madwaru biex jara jilmaħx lil dik li kienet għamlet dan.

33Imbagħad il-mara, tirtogħod bil-biża’ għax għarfet x’kien ġralha, resqet,
inxteħtet f’riġlejh u stqarritlu s-sewwa kollu.

34“Binti,” qalilha, “il-fidi tiegħek fejqitek; mur bis-sliem, u kun imfejqa mill-
marda tiegħek.”

35Kif kien għadu jitkellem, waslu xi wħud mid-dar tal-kap tas-sinagoga u lil dan
qalulu: “Bintek mietet; għalfejn tħabbtu iżjed l-Imgħallem?”

36Iżda Ġesù sama’ x’kienu qegħdin jgħidu, u qal lill-kap tas-sinagoga: “Tibżax,
biss inti emmen.”

37U ma ħalla lil ħadd imur miegħu ħlief lil Pietru, lil Ġakbu, u lil Ġwanni, ħu
Ġakbu.

38Waslu d-dar tal-kap tas-sinagoga, u ra storbju sħiħ u nies jibku u jixhru.

39Daħal, u qalilhom: “Dan l-istorbju kollu u dan il-biki għalfejn? It-tfajla mhijiex
mejta, imma rieqda.”

40U qabdu jiddieħku bih. Imma hu keċċiehom ilkoll ’il barra, ħa miegħu lil
missier it-tfajla u lil ommha u lil dawk li kienu miegħu u daħal fejn kienet it-
tfajla.

41Qabdilha idha, u qalilha: “Talitha, qum!” jiġifieri: “Tfajla, qiegħed ngħidlek,
qum!”

42Minnufih it-tfajla qamet u qabdet timxi; għax kellha tnax-il sena. U baqgħu
miblugħin bil-għaġeb.

43U hu wissiehom bis-sħiħ biex dan ma jkun jaf bih ħadd, u qalilhom jagħtuha
tiekol.

## Mark 6

### In-nies ta’ Nazaret ma jilqgħux lil Ġesù

(Mt 13,56-58; Lq 4,16-30)

1Telaq minn hemm u mar lejn pajjiżu u d-dixxipli tiegħu marru miegħu.

2Meta wasal is-Sibt, daħal jgħallem fis-sinagoga, u l-ħafna li semgħuh bdew
jistagħġbu u jgħidu: “Mnejn kisbu dan kollu? U x’inhu dan l-għerf li ngħatalu
biex saħansitra qegħdin isiru dawn l-għeġubijiet kbar b’idejh?

3Dan mhuwiex il-mastrudaxxa bin Marija u ħu Ġakbu u Ġosè u Ġuda u Xmun? U
ħutu l-bniet mhumiex hawn magħna?” U huma skandalizzaw ruħhom
minħabba fih.


© 2020 Malta Bible Society.

4Qalilhom Ġesù: "Ebda profeta ma hu bla ġieħ jekk mhux f'pajjiżu u fost qrabatu
u f'daru stess."

5U hemmhekk ma sata' jagħmel ebda miraklu, ħlief li qiegħed idejh fuq ftit
morda u fejjaqhom;

6u baqa' mistagħġeb bin-nuqqas ta' fidi tagħhom.

### Il-missjoni tat-Tnax

(Mt 10,1.14; Lq 9,1-6)

U mar idur l-irħula ta' dawk l-inħawi jgħallem.

7U sejjaħ it-Tnax, u beda jibgħathom tnejn tnejn, filwaqt li tahom is-setgħa fuq
l-ispirti ħżiena.

8U wissiehom biex ma jieħdu xejn magħhom għat-triq ħlief ħatar: la ħobż, la
ħorġa, lanqas flus fi ħżiemhom;

9imma li jilbsu l-qrieq u ma jxiddux żewġ ilbiesi.

10Qalilhom: "Fejn tidħlu f'xi dar, ibqgħu fiha sa ma titilqu minn hemmhekk.

11U jekk xi post ma jilqagħkomx u ma jisimgħukomx, itilqu minn hemm u farfru
t-trab minn taħt saqajkom bħala xhieda kontrihom."

12Harġu mela jxandru biex in-nies jindmu;

13u keċċew bosta xjaten, u dilku ħafna morda biż-żejt u fejquhom.

### Il-qtil ta' Ġwanni l-Battista

(Mt 14,1-2; Lq 9,7-9)

14Is-sultan Erodi sama' bih, għax ismu kien sar magħruf, u xi wħud bdew jgħidu:
"Ġwanni l-Battista qam mill-imwiet; minħabba f'hekk li s-setgħat tal-mirakli
qegħdin jaħdmu fih."

15Imma oħrajn bdew jgħidu: "Dan Elija." U oħrajn: "Profeta, bħal wieħed mill-
profeti l-oħra."

16Iżda Erodi, meta sama' bih, qal: "Ġwanni l-Battista, li jien qtajtlu rasu, hu qam
mill-mewt."

17Għax kien Erodi stess li bagħat jarresta lil Ġwanni u qaflu fil-ħabs minħabba
Erodja, mart ħuh Filippu, billi kien iżżewwiġha hu.

18Għax Ġwanni lil Erodi kien jgħidlu: "Ma tistax iżżommha int il-mara ta' ħuk."

19Għalhekk Erodja saret toboghdu u kienet trid toqtlu, imma ma kinitx tista',

20għax Erodi, li kien jaf x'raġel tajjeb u qaddis kien Ġwanni, kien jibża' minnu; u
kien iħarsu mill-għawġ, u kien iħobb joqgħod jisimgħu, għad li kien jibqa'
mħasseb ħafna wara li jisimgħu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

21Mela wasal jum tajjeb, meta Erodi għalaq sninu u għamel ikla lill-kbarat
tiegħu, lill-fizzjali l-għolja u lill-aqwa nies tal-Galilija.

22Bint Erodja daħlet tiżfen, u għoġbot lil Erodi u lill-mistednin tiegħu. Is-sultan
qal lit-tfajla: "Itlobni kulma trid, u jien nagħtik kulma titlobni."

23U qalilha u ħalfilha: "Titlobni x'titlobni kollox nagħtik, imqar nofs is-saltna
tiegħi."

24Dik ħarġet u marret tistaqsi lil ommha: "Tgħid x'nitolbu?" "Ras Ġwanni l-
Battista," weġbitha dik.

25Malajr reġgħet daħlet tgħaġġel quddiem is-sultan, talbitu u qaltlu: "Irridek
issa stess tagħtini ras Ġwanni l-Battista fuq platt."

26Tnikket għall-aħħar is-sultan, iżda minħabba l-ġurament u l-mistednin ma
riedx jarġa' lura mill-kelma li taha.

27Malajr is-sultan bagħat suldat minn ta' madwaru u ordnalu li jġiblu rasu. Dak
mar u qatagħlu rasu fil-ħabs;

28imbagħad ġiebha fuq platt u taha lit-tfajla, u t-tfajla marret tatha lil ommha.

29Meta d-dixxipli tiegħu semgħu b'dan, ħadu l-ġisem tiegħu u difnuh ġo qabar.

### Ġesù jitma' ħamest elef ruħ
(Mt 14,13-21; Lq 9,10-17; Ġw 6,1-13)

30L-appostli reġgħu ġew ħdejn Ġesù u qalulu kulma kienu għamlu u għallmu.

31U hu qalilhom: "Ejjew miegħi intom biss weħidkom f'xi post imwarrab, u
strieħu ftit." Għax tassew, kien hemm ħafna nies ġejjin u sejrin, u anqas żmien
biex jieklu ma kienu jħallulhom.

32Marru mela bid-dgħajsa weħidhom lejn post imwarrab,

33imma n-nies rawhom sejrin; kienu ħafna dawk li għarfuhom, u telqu jiġru 'l
hemm bil-mixi, nies mill-ibliet kollha, u waslu qabilhom.

34Xħin niżel l-art mid-dgħajsa ra kotra kbira ta' nies u tħassarhom, għax kienu
qishom nagħaġ bla ma għandhom ragħaj, u qabad jgħallimhom ħafna ħwejjeġ.

35Meta kien sar il-ħin ġmielu, resqu d-dixxipli tiegħu u qalulu: "Dan post
imwarrab, u ġa sar ħafna ħin.

36Ibgħathom, ħa jmorru fl-irziezet u fl-irħula tal-qrib jixtru xi ħaġa x'jieklu."

37Iżda hu weġibhom: "Agħtuhom intom x'jieklu." Qalulu: "U aħna se mmorru
nixtru b'mitejn dinar ħobż biex nagħtuhom x'jieklu?"

38Imbagħad staqsiehom: "Xi kemm għandkom ħobż? Morru araw." Meta saru
jafu, qalulu: "Ħamsa, u żewġ ħutiet."


© 2020 Malta Bible Society.

39Imbagħad ordnalhom iqiegħdu lil kulħadd bilqiegħda, ġemgħa ġemgħa, fuq il-ħaxix aħdar.

40U n-nies inxteħtet fl-art mija mija, u ħamsin ħamsin.

41Hu ħa l-ħames ħobżiet u ż-żewġ ħutiet, rafa' għajnejh lejn is-sema, bierek, qasam il-ħobżiet, u ta l-kisriet lid-dixxipli tiegħu biex inewluhom lin-nies quddiemhom, u qasam ukoll iż-żewġ ħutiet bejniethom ilkoll.

42U kulħadd kiel u xaba'.

43U ġabru l-bċejjeċ li fadal mill-ħobż u l-ħut u mlew tnax-il qoffa;

44u kienu ħamest elef raġel dawk li kielu mill-ħobż!

### Ġesù jimxi fuq l-ilma
(Mt 14,22-33; Ġw 6,16-21)

45Minnufih ġagħal id-dixxipli tiegħu jitilgħu fuq id-dgħajsa u jmorru x-xatt l-ieħor qablu, lejn Betsajda, sakemm hu jibgħat in-nies.

46Wara li sellmilhom u ħalliehom, tala' fuq l-għoljiet biex jitlob.

47Xħin sar filgħaxija d-dgħajsa kienet għadha f'nofs il-baħar, u hu waħdu l-art.

48Kif rahom jitħabtu jaqdfu, għax kellhom ir-riħ għal wiċċhom, għal xi r-raba' sahra tal-lejl mar lejn in-naħa tagħhom miexi fuq il-baħar, u ried jgħaddihom.

49Huma rawh miexi fuq il-baħar u stħajluh xi fantażma, u qabdu jgħajtu,

50għax ilkoll tbeżżgħu kif rawh. Iżda hu minnufih kellimhom: "Agħmlu l-qalb, jiena hu, tibżgħu xejn."

51Imbagħad tala' ħdejhom fid-dgħajsa, u r-riħ waqaf. U komplew tnixxfu fihom infushom bil-għaġeb,

52għax il-miraklu tal-ħobż ma kinux fehmuh, imma moħħhom kien magħluq.

### Ġesù jfejjaq il-morda f'Ġennesaret
(Mt 14,34-36)

53Wara li qasmu għan-naħa l-oħra, waslu l-art f'Ġennesaret u rabtu d-dgħajsa max-xatt.

54Niżlu mid-dgħajsa, u n-nies minnufih għarfuh

55u marru jiġru ma' dawk l-inħawi kollha. U bdew iġorru l-morda fuq l-imtieraħ kull fejn kienu jisimgħu li qiegħed.

56Kull fejn kien jidħol, fi rħula, bliet, jew kampanja, kienu jqiegħdu l-morda fil-pjazez u jitolbuh iħallihom imissu mqar tarf il-mantar; u dawk kollha li kienu jmissuh kienu jfiqu.


© 2020 Malta Bible Society.

# Mark 7

### It-tradizzjonijiet tal-antenati

(Mt 15,1-9)

1Il-Fariżej u xi wħud mill-kittieba li ġew minn Ġerusalemm inġabru ħdejh,

2u raw li xi wħud mid-dixxipli tiegħu kienu qegħdin jieklu b'idejhom mhumiex
indaf, jiġifieri mhumiex maħsulin.

3Għax il-Fariżej, u l-Lhud kollha, biex iħarsu t-tradizzjoni ta' missirijiethom, ma
jmissux ikel qabel ma jkunu ħaslu idejhom sewwa;

4hekk ukoll wara li jerġgħu lura mis-suq, ma jiklux jekk ma jinħaslux; u
għandhom bosta drawwiet oħra li baqgħu marbutin magħhom minn żmien għal
ieħor, bħalma huma l-ħasil tat-tazzi u tal-buqari u tal-ktieli tal-bronż.

5Mela, il-Fariżej u l-kittieba staqsewh: "Dan l-għala d-dixxipli tiegħek ma jġibux
ruħhom skont it-tradizzjoni ta' missirijiethom, imma jieklu b'idejhom mhumiex
indaf?"

6Iżda hu weġibhom: "Sewwa ħabbar Isaija fuqkom, ja nies ta' wiċċ b'ieħor,
bħalma hu miktub, 'Dan il-poplu bix-xufftejn biss jagħtini ġieħ, imma qalbhom
hija 'l bogħod minni.

7 Fiergħa hi l-qima li jagħtuni; jgħallmu duttrina li mhijiex għajr preċetti tal-
bnedmin.'

8Hekk intom, twarrbu l-kmandamenti ta' Alla biex tħaddnu t-tradizzjoni tal-
bnedmin."

9U qalilhom: "Ħelu ħelu ġġibu fix-xejn il-kmandamenti ta' Alla biex tħarsu t-
tradizzjoni tagħkom.

10Mosè qal, 'Weġġaħ lil missierek u 'l ommok' u 'min iżeblaħ lil missieru jew 'l
ommu għandu jieħu l-mewt'.

11Imma intom tgħidu: Jekk wieħed jgħid lil missieru jew 'l ommu, 'Il-ġid li
għandi, li jista' jkun ta' għajnuna għalik, huwa Qorban' (jiġifieri, offerta)'

12intom mbagħad ma tħalluh jagħmel xejn iżjed għal missieru jew ommu,

13u hekk iġġibu fix-xejn il-kelma ta' Alla bit-tradizzjoni li tgħaddu minn
ġenerazzjoni għal oħra. U bosta ħwejjeġ oħra bħal dawn tagħmlu."

### X'inhu li jtabba' lill-bniedem

(Mt 15,10-20)

14Raġa' sejjaħ in-nies lejh u qalilhom: "Isimgħuni, intom ilkoll, u ifhmuni!

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

15Ma hemm xejn minn barra li meta jidħol fi bniedem itebbgħu; imma dak li
joħroġ minn ġol-bniedem, dak hu li jtabba' lill-bniedem."

17Meta ħalla n-nies u daħal id-dar, id-dixxipli tiegħu staqsewh fuq il-parabbola.

18U hu qalilhom: "Intom ukoll daqshekk bla moħħ? Ma tifhmux li xejn ma jista'
jtabba' lill-bniedem minn dak li jidħol ġo fih minn barra,

19la darba dan mhux fil-qalb imur, iżda fl-istonku, biex imbagħad jintrema fil-
ħofra?" B'hekk wera li l-ikel kollu hu safi.

20U qalilhom: "Dak li joħroġ minn ġol-bniedem, dak hu li jtabba' lill-bniedem.

21Għax hu minn ġewwa, mill-qalb tal-bniedem, li joħorġu l-ħsibijiet il-ħżiena,
żina, serq, qtil,

22adulterju, regħba, ħażen, qerq, libertinaġġ, għira, malafama, suppervja u
bluha.

23Dal-ħażen kollu minn ġewwa joħroġ u jtabba' lill-bniedem."

### Il-fidi tal-mara Sirofeniċja

(Mt 15,21-28)

24Minn hemmhekk telaq u mar fl-inħawi tal-belt ta' Tir. Daħal joqgħod f'dar, u
ried li ħadd ma jsir jaf. Iżda ma setax ikun li jinħeba,

25għax malajr semgħet bih waħda mara li kellha lil bintha maħkuma minn
spirtu ħażin, u marret tinxteħet f'riġlejh.

26Issa din il-mara kienet Griega, Sirofeniċja min-nisel tagħha. Bdiet mela titolbu
biex ikeċċi x-xitan minn ġo bintha.

27U hu qalilha: "L-ewwel ħa jixbgħu l-ulied, għax mhux sewwa tieħu l-ħobż tal-
ulied u tixħtu lill-ġriewi."

28Iżda hi weġbitu u qaltlu: "Hekk hu, Mulej; imma taħt il-mejda l-ġriewi wkoll
jieklu l-frak mill-ħobż tat-tfal."

29Imbagħad qalilha: "Għal din il-kelma li għedt, mur, ix-xitan ħareġ minn
bintek."

30U xħin marret id-dar, sabet it-tifla mimduda, u x-xitan kien ħareġ minnha.

### Ġesù jfejjaq trux u mbikkem

31Raġa' telaq mill-inħawi tal-belt ta' Tir, għadda minn Sidon lejn il-baħar tal-
Galilija, fl-inħawi tad-Dekapoli.

32U ġabulu wieħed, trux u mbikkem, u talbuh iqegħedlu idu fuqu.

33Ġesù ħarġu għalih waħdu minn qalb in-nies, daħħal subgħajh f'widnejh u
messlu lsienu bir-riq tiegħu.


© 2020 Malta Bible Society.

34Imbagħad refa' għajnejh lejn is-sema, tniehed tnehida, u qallu: "Effata," jiġifieri, "Infetaħ!"

35U minnufih widnejh infetħulu, l-irbit ta' lsienu nħallu u qabad jitkellem sewwa.

36Ġesù wissiehom biex ma jgħidu lil ħadd; iżda aktar ma wissiehom, aktar bdew ixandruh.

37U mimlijin bil-għaġeb, bdew jgħidu: "Kollox għamel tajjeb: jagħti s-smigħ lit-torox u l-kliem lill-imbikkmin."

## Mark 8

### Ġesù jitma' erbat elef

(Mt 15,32-39)

1F'dawk il-jiem, reġgħet inġabret kotra kbira u ma kellhomx x'jieklu, sejjaħ id-dixxipli tiegħu u qalilhom:

2"Nitħassarhom lil dawn in-nies, għax ġa ilhom miegħi tlitt ijiem, u ma għandhom xejn x'jieklu.

3Jekk inħallihom imorru sajmin lejn djarhom, żgur iħosshom ħażin fit-triq, għax xi wħud minnhom ġew mill-bogħod."

4Id-dixxipli tiegħu weġbuh: "F'deżert bħal dan minn fejn jista' wieħed ixabba' lil dawn in-nies kollha bil-ħobż?"

5Hu staqsiehom: "Xi kemm għandkom ħobż?" Qalulu: "Sebgħa."

6Imbagħad qal lin-nies kollha jinxteħtu bilqiegħda fl-art, ħa s-seba' ħobżiet, radd il-ħajr, qasamhom u tahom lid-dixxipli tiegħu biex inewluhom lin-nies, u huma newluhomlhom.

7U kellhom ukoll xi ftit ħut żgħir; berikhom, u ried li jitnewlu dawn ukoll.

8U kielu u xebgħu; u ġabru l-bċejjeċ li kien fadal, sebat iqfief!

9U kien hemm madwar l-erbat elef ruħ!

10Imbagħad bagħathom. U minnufih tala' fuq dgħajsa flimkien mad-dixxipli tiegħu u mar lejn l-inħawi ta' Dalmanuta.

### Il-Fariżej jitolbu sinjal mis-sema

(Mt 16,1-4)

11Ġew il-Fariżej u bdew iħaqquha miegħu; u, biex iġarrbuh, talbuh sinjal mis-sema.

12Hu tniehed tnehida fih innifsu u qal: "Għalfejn irid sinjal dan in-nisel? Tassew ngħidilkom, ebda sinjal ma jingħatalu dan in-nisel."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

13U telaqhom, raġa' tala' fuq id-dgħajsa u mar ix-xatt l-ieħor.

### Il-ħmira tal-Fariżej u ta' Erodi

(Mt 16,5-12)

14U nsew jieħdu l-ħobż, u ma kellhomx ħlief ħobża waħda magħhom fid-
dgħajsa.

15Hu wissiehom u qalilhom: "Iftħu għajnejkom, oqogħdu attenti mill-ħmira tal-
Fariżej u mill-ħmira ta' Erodi!"

16Huma bdew jgħidu bejniethom: "Dan għax m'għandniex ħobż."

17Ġesù induna u qalilhom: "X'intom tgħidu bejnietkom li ma għandkomx ħobż.
Għadkom ma ntbaħtux u ma fhimtux? X'ebusija ta' ras għandkom?

18Għandkom għajnejn u ma tarawx? Għandkom widnejn u ma tisimgħux? Ma
tiftakrux

19meta qassamt il-ħames ħobżiet bejn il-ħamest elef ruħ, kemm-il qoffa ġbartu
mimlija bil-bċejjeċ li kien fadal?" Qalulu: "Tnax."

20"Meta qassamt is-seba' ħobżiet bejn l-erbat elef ruħ, kemm-il qoffa ġbartu bil-
bċejjeċ li kien fadal?" Qalulu: "Sebgħa."

21"U għadkom ma fhimtux?" qalilhom.

### Ġesù jfejjaq raġel agħma f'Betsajda

22Waslu Betsajda, u ħadulu quddiemu raġel agħma u talbuh imissu.

23Qabad l-agħma minn idu u ħadu barra mir-raħal, beżaqlu f'għajnejh, qiegħed
idejh fuqu u staqsieh: "Qiegħed tara xi ħaġa?"

24Dak ħares 'il fuq u qal: "Qiegħed nara n-nies, imma qiegħed narahom
donnhom siġar mexjin."

25Imbagħad raġa' qegħedlu idejh fuq għajnejh, u beda jara ċar: u kien imfejjaq,
hekk li sar jara kollox tajjeb mill-bogħod ukoll.

26Bagħtu lura lejn daru, u qallu: "Qis li ma tgħid xejn meta tmur ir-raħal."

### Stqarrija tal-fidi minn Pietru

(Mt 16,13-20; Lq 9,18-21)

27Telaq Ġesù flimkien mad-dixxipli tiegħu lejn l-irħula ta' Ċesarija ta' Filippu.
Huma u mexjin, lid-dixxipli tiegħu għamlilhom din il-mistoqsija: "Min jgħidu n-
nies li jien?"

28Weġbuh u qalulu: "Ġwanni l-Battista; oħrajn, Elija; u oħrajn, wieħed mill-
profeti."

29"Imma intom," staqsiehom, "intom min tgħidu li jien?" Qabeż Pietru u qallu:
"Inti l-Messija."


© 2020 Malta Bible Society.

30Imbagħad ordnalhom ħafna biex ma jitkellmu ma’ ħadd fuqu.

### L-ewwel taħbira tal-mewt u tal-qawmien

(Mt 16,21-23; Lq 9,22)

31U beda jgħallimhom fuq li kien meħtieġ li Bin il-bniedem ibati ħafna, ikun miċħud mill-anzjani u mill-qassisin il-kbar u l-kittieba, joqtluh, u wara tlitt ijiem jerġa’ jqum.

32Fuq dan kellimhom ċar. Pietru ġibdu lejh u beda jlumu.

33Iżda hu dar iħares lejn id-dixxipli tiegħu, u ċanfar lil Pietru u qallu: “Itlaq minn quddiemi, ja xitan, għax m’intix taħseb fil-ħwejjeġ ta’ Alla, imma f’dawk tal-bnedmin!”

34Sejjaħ lejh in-nies flimkien mad-dixxipli tiegħu u qalilhom: “Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa’ salibu, u jimxi warajja.

35Għax min irid isalva ħajtu, jitlifha; imma min jitlef ħajtu għall-imħabba tiegħi u tal-Evanġelju, isalvaha.

36Għax x’jiswielu l-bniedem jekk jikseb id-dinja kollha u mbagħad jitlef ħajtu?

37Xi prezz jista’ jagħti l-bniedem biex isalva ħajtu?

38Għax jekk xi ħadd, minn dan in-nisel żieni u midneb tal-lum, għad jistħi minni u minn kliemi, Bin il-bniedem ukoll għad jistħi minnu meta jiġi fil-glorja ta’ Missieru flimkien mal-anġli mqaddsa.”

## Mark 9

1Qalilhom ukoll: “Tassew ngħidilkom, li hawn xi wħud minnkom li qegħdin hawn, li żgur ma jġarrbux il-mewt qabel ma jaraw il-wasla tas-Saltna ta’ Alla, mogħnija bil-qawwa.”

### It-Trasfigurazzjoni

(Mt 17,1-8; Lq 9,28-36)

2Sitt jiem wara Ġesù ħa miegħu lil Pietru u lil Ġakbu u lil Ġwanni, tellagħhom weħidhom fuq muntanja għolja, u tbiddel quddiemhom.

3Ilbiesu sar abjad u jgħammex b’dija tal-għaġeb: ebda ħassiel fid-dinja ma jista’ jġib il-ħwejjeġ bojod daqshekk.

4U dehrilhom Elija ma’ Mosè, jitkellmu ma’ Ġesù.

5Qabad Pietru u qal lil Ġesù: “Mgħallem, kemm hu sew li aħna hawn! Ha ntellgħu tliet tined, waħda għalik, waħda għal Mosè, u waħda għal Elija.”

6Dan qalu għax ma kienx jaf x’jaqbad jgħid bil-biża’ kbir li waqa’ fuqhom.


© 2020 Malta Bible Society.

[7]Imbagħad ġiet sħaba u għattiethom, u minn ġos-sħaba nstama' leħen jgħid: "Dan hu Ibni l-għażiż, isimgħu lilu."

[8]Minnufih taw ħarsa madwarhom, u ma raw lil ħadd iżjed magħhom ħlief lil Ġesù waħdu.

[9]Huma u neżlin minn fuq il-muntanja, tahom ordni biex ma jitkellmu ma' ħadd fuq li kienu raw qabel ma Bin il-bniedem ikun qam mill-imwiet.

[10]Huma żammew kollox moħbi, iżda bdew jistaqsu lil xulxin x'kien ifisser 'tqum mill-imwiet'.

[11]Staqsewh u qalulu: "Għaliex jgħidu l-kittieba li l-ewwel għandu jiġi Elija?"

[12]"Tassew," weġibhom, "l-ewwel għandu jiġi Elija, u jerġa' jqiegħed kollox f'postu. Mela kif inhu miktub fuq Bin il-bniedem li għandu jbati ħafna u jkun imżeblaħ?

[13]Imma ngħidilkom: Elija ġa ġie, u huma ġiebu rwieħhom miegħu kif għoġobhom, bħalma hemm miktub fuqu."

## Ġesù jfejjaq tifel u jeħilsu mix-xitan

(Mt 17,14-20; Lq 9,37-42)

[14]Meta reġgħu ġew ħdejn id-dixxipli l-oħra, rawhom b'kotra kbira ta' nies madwarhom, u xi kittieba jitlewmu magħhom.

[15]In-nies, kif rawh, ilkoll stagħġbu ħafna u ġrew lejh biex isellmulu.

[16]U hu staqsiehom: "Fuqiex qegħdin titlewmu magħhom?"

[17]U wieħed mill-kotra qallu: "Mgħallem, ġibtlek lil ibni għax għandu spirtu mbikkem.

[18]U kull fejn jaħkmu jsabbtu mal-art u hu joħroġ ir-ragħwa minn ħalqu, jgħażżeż snienu u jibbies. Għedt lid-dixxipli tiegħek biex ikeċċuh minnu, u ma kellhomx ħila."

[19]"Ja nies bla fidi," qalilhom Ġesù, "kemm se ndum magħkom? Kemm se ndum nissaportikom? Ġibuhuli quddiemi."

[20]U ressquhulu quddiemu. L-ispirtu, malli lemaħ lil Ġesù, beda jħabbtu 'l hawn u 'l hemm bir-ragħwa f'ħalqu.

[21]"Xi kemm ilu jagħtih hekk?" staqsa Ġesù lil missieru. "Minn ċkunitu," qallu,

[22]"u sikwit ġie li tefgħu fin-nar u fl-ilma biex jeqirdu. Imma int, jekk tista' tagħmel xi ħaġa, għinna u ħenn għalina!"

[23]"Jekk tista'!" qallu Ġesù. "Kollox jista' jkun għal min jemmen!"


© 2020 Malta Bible Society.

24Missier it-tifel minnufih beda jgħajjat u jgħidlu: "Jiena nemmen! Għinni fil-fidi nieqsa tiegħi!"

25Ġesù, meta ra l-kotra tiżdied, hedded bl-aħrax lill-ispirtu ħażin u qallu: "Ja spirtu mbikkem u trux, jiena nordnalek: oħroġ minnu, u la terġax tidħol fih, qatt iżjed!"

26U filwaqt li qabad jixher u jħabbtu ħafna, ħareġ minnu, u t-tifel inxteħet għal mejjet, hekk li l-kotra tan-nies bdiet tgħid: "Miet!"

27Imma Ġesù qabdu minn idu u qajmu, u hu waqaf fuq saqajh.

28Meta mbagħad Ġesù raġa' daħal id-dar, id-dixxipli tiegħu staqsewh rasu u rashom: "Għaliex ma rnexxilniex inkeċċuh?"

29"Spirtu bħal dak," qalilhom, "ma jista' jitkeċċa b'xejn ħlief bit-talb."

### It-tieni tħabbira tal-mewt u tal-qawmien

(Mt 17,22-23; Lq 9,43-45)

30Telqu minn hemm u għaddew minn nofs il-Galilija, u ma ried li ħadd ikun jaf,

31għax beda jgħallem lid-dixxipli tiegħu u jgħidilhom: "Bin il-bniedem se jingħata f'idejn il-bnedmin u joqtluh; u meta jkun maqtul, wara tlitt ijiem iqum mill-mewt."

32Iżda huma ma fehmuhx dan il-kliem, u beżgħu jistaqsuh.

### Min hu l-akbar fis-Saltna tas-Smewwiet

(Mt 18,1-5; Lq 9,46-48)

33Waslu Kafarnahum; u meta kienu d-dar staqsiehom: "X'kontu qegħdin titħaddtu bejnietkom fit-triq?"

34Iżda huma baqgħu siekta, għax fit-triq kienu qagħdu jitħaddtu bejniethom fuq min kien l-akbar.

35Imbagħad qagħad bilqiegħda, sejjaħ it-Tnax, u qalilhom: "Jekk xi ħadd irid ikun l-ewwel wieħed, għandu joqgħod wara kulħadd u jkun qaddej ta' kulħadd."

36U ressaq lejh tfajjel ċkejken, qiegħdu f'nofshom, ħaddnu bejn dirgħajh u qalilhom:

37"Kull min jilqa' wieħed minn dawn iċ-ċkejknin minħabba f'ismi, ikun jilqa' lili; u min jilqa' lili, ikun jilqa' mhux lili, imma lil dak li bagħatni."

### Min mhuwiex kontra Ġesù

(Lq 9,49-50; Mt 10,42)

38"Mgħallem," qallu Ġwanni, "wieħed raġel, li s-soltu ma jkunx magħna, rajnieh ikeċċi x-xjaten f'ismek u ridna nżommuh, għax hu mhuwiex wieħed minn tagħna."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

39Imma Ġesù qal: "La żżommuhx, le, għax ma hemm ħadd li se jagħmel miraklu
f'ismi u mbagħad malajr se jkollu ħila jgħid kontra tiegħi.

40Għax min mhuwiex kontra tagħna, huwa magħna.

41"Min jagħtikom tazza ilma x'tixorbu għax intom tal-Messija, ngħidilkom is-
sewwa li ma jibqax mingħajr il-ħlas tiegħu."

### L-iskandlu

(Mt 18,6-9; Lq 17,1-2)

42"Imma min jagħti skandlu lil wieħed minn dawn iċ-ċkejknin li jemmnu fija,
ikun jaqbillu jekk jorbtulu ma' għonqu ġebla tat-tħin minn dawk li jdawru l-
ħmir u jixħtuh fil-baħar.

43U jekk idek hija għalik okkażjoni ta' dnub, aqtagħha barra; jaħbatlek aħjar li
tidħol b'id waħda fil-ħajja, milli li tmur b'idejk it-tnejn fl-infern, fin-nar li ma
jintefiex.

45U jekk riġlek hu għalik okkażjoni ta' dnub, aqtgħu barra; jaħbatlek aħjar li
tidħol b'riġel wieħed fil-ħajja, milli tinxteħet b'riġlejk it-tnejn fl-infern.

47U jekk għajnek hi għalik okkażjoni ta' dnub, aqlagħha barra; jaħbatlek aħjar li
tidħol b'għajn waħda fis-Saltna ta' Alla milli tinxteħet b'għajnejk it-tnejn fl-
infern,

48fejn id-dud tagħhom ma jmutx u fejn in-nar ma jintefiex.

49Għax kulħadd ikun immellaħ bin-nar.

50"Tajjeb il-melħ; iżda jekk il-melħ jaqta', biex terġgħu tagħtuh it-togħma
tiegħu? Fittxu li jkollkom melħ fikom infuskom u li tgħixu fis-sliem bejnietkom."

## Mark 10

### Id-divorzju

(Mt 19,1-9; Lq 16,18)

1Telaq minn hemmhekk u mar fl-art tal-Lhudija u 'l hemm mill-Ġordan, u n-nies
mill-ġdid inġabret madwaru; u hu, kif kienet id-drawwa tiegħu, raġa' qabad
jgħallimhom.

2Resqu xi Fariżej lejh, u biex iġarrbuh staqsewh jekk raġel jistax jitlaq lil martu.

3Weġibhom u qal: "X'ordnalkom Mosè?"

4Qalulu: "Mosè ta l-permess li wieħed jagħmel il-kitba tad-divorzju, u
jibgħatha."

5Imbagħad weġibhom Ġesù: "Minħabba l-ebusija ta' qalbkom kitbilkom dan l-
ordni.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

6Iżda sa mill-bidu tal-ħolqien Alla għamilhom raġel u mara.

7Għalhekk mela raġel iħalli lil missieru u 'l ommu u jingħaqad ma' martu,

8u t-tnejn isiru ġisem wieħed. Għalhekk mhumiex iżjed tnejn, imma ġisem wieħed.

9Mela dak li għaqqad Alla ma għandux jifirdu l-bniedem."

10Xħin daħlu d-dar id-dixxipli reġgħu staqsewh fuq dan,

11u hu qalilhom: "Min jitlaq lil martu u jiżżewweġ oħra jkun ħati ta' adulterju kontra l-ewwel waħda;

12u jekk mara titlaq lil żewġha u tiżżewweġ ieħor tkun ħatja ta' adulterju."

### Ġesù jbierek it-tfal iż-żgħar

(Mt 19,13-15; Lq 18,15-17)

13Ġabulu quddiemu xi tfal ċkejknin biex iberikhom, iżda d-dixxipli tiegħu qabdu jgħajtu magħhom.

14Ġesù, meta ra hekk, inkorla u qalilhom: "Halluhom it-tfal żgħar jiġu għandi; iżżommuhomx, għax ta' min hu bħalhom hija s-Saltna ta' Alla.

15Tassew ngħidilkom, li min is-Saltna ta' Alla ma jilqagħhiex bħal tifel ċkejken ma jidħolx fiha."

16Imbagħad ħaddanhom miegħu u qiegħed idejh fuqhom u berikhom.

### Ir-raġel għani

(Mt 19,16-22; Lq 18,18-23)

17Kien se jaqbad it-triq, meta mar fuqu wieħed jgħaġġel, niżel għarkupptejh quddiemu u qallu: "Mgħallem tajjeb, x'għandi nagħmel biex nikseb il-ħajja ta' dejjem?"

18"Għaliex qiegħed issejjaħli 'tajjeb'?" qallu Ġesù, "ħadd ma hu tajjeb ħlief Alla biss.

19Inti l-kmandamenti tafhom: la toqtolx, la tiżnix, la tisraqx, la tixhidx fil-falz, la tiħux bil-qerq dak li hu ta' ħaddieħor; weġġaħ lil missierek u 'l ommok."

20U dak wieġbu u qallu: "Mgħallem, jiena dan kollu ili nħarsu minn żgħożiti."

21Imbagħad Ġesù xeħet fuqu ħarsa ta' mħabba u qallu: "Ħaġa waħda tonqsok: mur bigħ li għandek, agħtih lill-fqar, u jkollok teżor fis-sema; imbagħad ejja u imxi warajja."

22Imma għal dan il-kliem ir-raġel qarras wiċċu u telaq b'qalbu sewda, għaliex kellu bosta ġid.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[23]Ġesù mbagħad ħares ħarsa madwaru u qal lid-dixxipli tiegħu: "Kemm hi iebsa għall-għonja li jidħlu fis-Saltna ta' Alla!

[24]Id-dixxipli stagħġbu għal din il-kelma, imma Ġesù raġa' qalilhom: "Kemm hi iebsa, uliedi, li wieħed jidħol fis-Saltna ta' Alla!

[25]Eħfef li ġemel jgħaddi minn għajn ta' labra milli wieħed għani jidħol fis-Saltna ta' Alla!"

[26]Huma stagħġbu wisq aktar, u bdew jgħidu wieħed lil ieħor: "Mela min jista' jsalva?"

[27]Ġesù ħares lejhom u qalilhom: "Għall-bnedmin dan ma jistax ikun, imma għal Alla iva; għax għal Alla kollox jista' jkun."

[28]Qabeż Pietru u qallu: "Tajjeb! Aħna ħallejna kollox u ġejna warajk."

[29]Qallu Ġesù: "Tassew ngħidilkom, li fost dawk kollha li minħabba fija u l-Evanġelju jħallu lil darhom jew lil ħuthom jew lil ommhom jew lil missierhom jew lil uliedhom jew l-għelieqi tagħhom,

[30]ma hemm ħadd fosthom li minn issa, f'din id-dinja stess, ma jirċevix, għal mitt darba iktar, djar, aħwa, subien u bniet, ommijiet, ulied u għelieqi flimkien ma' persekuzzjonijiet, u l-ħajja ta' dejjem fiż-żmien li ġej.

[31]U ħafna li huma tal-ewwel jiġu l-aħħar, u tal-aħħar jiġu l-ewwel."

### It-tielet taħbira tal-mewt u tal-qawmien

(Mt 20,17-19; Lq 18,31-33)

[32]Kienu mexjin fit-triq, telgħin lejn Ġerusalemm, u Ġesù kien miexi quddiemhom; u huma kienu mgħaġġbin, u l-oħrajn li kienu mexjin warajhom kienu mbeżżgħin. Raġa' sejjaħ it-Tnax ħdejh, u beda jgħidilhom x'kien se jgħaddi minn għalih:

[33]"Ara, issa aħna telgħin Ġerusalemm, u Bin il-bniedem se jingħata f'idejn il-qassisin il-kbar u l-kittieba, li jaqtgħuhielu għall-mewt u jerħuh f'idejn il-pagani;

[34]dawn imbagħad jiddieħku bih, jobżqulu fuqu, jagħtuh is-swat u joqtluh, u wara tlitt ijiem iqum mill-mewt."

### It-talba ta' Ġakbu u Ġwanni

(Mt 20,20-28)

[35]Ġakbu u Ġwanni, ulied Żebedew, resqu lejh u qalulu: "Mgħallem, dak li se nitolbuk irriduk tagħtihulna."

[36]"Xi triduni nagħmlilkom?" staqsiehom.

[37]U huma weġbuh: "Hallina noqogħdu wieħed fuq il-lemin tiegħek u l-ieħor fuq ix-xellug fil-glorja tiegħek."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

38Imma Ġesù qalilhom: "Ma tafux x'intom titolbu. Għandkom ħila tixorbu l-kalċi
li se nixrob jien, u titgħammdu bil-magħmudija li biha se nitgħammed jien?"

39"Għandna," qalulu. Imbagħad qalilhom Ġesù: "Il-kalċi li se nixrob jien
tixorbuh, iva, u titgħammdu wkoll bil-magħmudija li biha se nitgħammed jien;

40imma li wieħed joqgħod fuq il-lemin jew fuq ix-xellug tiegħi, din mhijiex ħaġa
tiegħi li nagħtiha jien, imma hi għal dawk li għalihom kienet imħejjija."

41L-għaxra l-oħra, meta semgħu dan, saħnu għal Ġakbu u għal Ġwanni.

42Imma Ġesù sejħilhom u qalilhom: "Tafu intom, dawk in-nies, li l-bnedmin
jgħodduhom bħala kapijiet tal-pagani, jaħkmu fuqhom, u l-kbarat tagħhom
iħaddmu s-setgħa tagħhom fuqhom.

43Fostkom ma għandux ikun hekk, imma min irid ikun kbir fostkom, għandu
jkun qaddej tagħkom,

44u min irid ikun l-ewwel fostkom, għandu joqgħod ilsir ta' kulħadd.

45Għax hekk ukoll Bin il-bniedem, hu ma ġiex biex ikun moqdi, imma biex jaqdi
u biex jagħti ħajtu b'fidwa għall-kotra."

### Ġesù jfejjaq lil Bartimew l-agħma

(Mt 20,29-34; Lq 18,35-43)

46U waslu Ġeriko. Hu u ħiereġ minn Ġeriko flimkien mad-dixxipli tiegħu u ma'
kotra kbira ta' nies, kien hemm wieħed tallab agħma, jismu Bartimew, bin
Timew, bilqiegħda mal-ġenb tat-triq.

47Dan, meta sama' li kien Ġesù ta' Nazaret, qabad jgħajjat u jgħid: "Ġesù, bin
David, ikollok ħniena minni!"

48Kien hemm ħafna li bdew jgħajtu miegħu biex jiskot imma hu aktar beda
jgħajjat: "Bin David, ikollok ħniena minni!"

49Ġesù waqaf u qal: "Sejħulu." Huma sejħu l-agħma u qalulu: "Agħmel il-qalb!
Qum, qiegħed isejjaħlek."

50Dak tajjar il-mantar minn fuqu, qabeż fuq riġlejh u mar ħdejn Ġesù.

51U Ġesù kellmu u qallu: "Xi tridni nagħmillek?" "Li nerġa' nara, Rabbuni,"
wieġbu l-agħma.

52"Mur," qallu Ġesù, "il-fidi tiegħek fejqitek." U minnufih raġa' beda jara, u baqa'
miexi warajh fit-triq.

## Mark 11

### Id-daħla messjanika f'Ġerusalemm

(Mt 21,1-11; Lq 19,28-40; Ġw 12,12-16)

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[1]Xħin waslu qrib Ġerusalemm, quddiem Betfaġe u Betanja, ħdejn l-Għolja taż-
Żebbuġ, bagħat tnejn mid-dixxipli tiegħu
[2]u qalilhom: "Morru fir-raħal li hemm biswitkom, u kif taslu hemmhekk issibu
felu marbut li ħadd qatt għadu ma rikeb fuqu. Holluh u ġibuh.
[3]Jekk xi ħadd jistaqsikom, 'Dan kif qegħdin tagħmluh?' għidulu, 'Il-Mulej
jeħtieġu, u malajr jerġa' jibagħtu hawn.' "
[4]Marru, u sabu felu marbut ħdejn bieb barra fit-triq; u ħallewh.
[5]Xi wħud minn dawk li kienu hemm qalulhom: "X'intom tħolluh tagħmlu dak il-
felu?"
[6]Huma weġbuhom kif kien qalilhom Ġesù, u dawk ħallewhom jagħmlu.
[7]Hadu l-felu lil Ġesù, qiegħdu l-imnatar tagħhom fuq il-felu, u Ġesù rikeb fuqu.
[8]U bosta nies firxu fit-triq l-imnatar tagħhom, u oħrajn xi friegħi ħodor li kienu
qatgħu mill-għelieqi.
[9]U kemm dawk li kienu miexja quddiem u kemm dawk li kienu miexja wara,
bdew jgħajtu: "Hosanna! Imbierek min ġej f'isem il-Mulej!
[10] Imbierka s-Saltna li ġejja ta' David missierna. Hosanna fl-ogħla tas-
smewwiet!"
[11]Daħal Ġerusalemm u baqa' sejjer fit-tempju, ta ħarsa madwaru, u mbagħad,
billi kien ġa sar il-ħin, ħareġ biex imur Betanja mat-Tnax.

### Is-siġra tat-tin misħuta

(Mt 21,18-19)

[12]L-għada, kif ħarġu minn Betanja, ħadu l-ġuħ.
[13]Mill-bogħod lemaħ siġra tat-tin kollha weraq, u mar jara jsibx xi ħaġa fiha.
Imma, kif resaq ħdejha, ma sabilha xejn ħlief weraq, għax it-tin kien għadu
m'huwiex żmienu.
[14]U qalilha: "Qatt iżjed ma jkun hawn min jiekol frott minnek għal li ġej!" U d-
dixxipli tiegħu semgħuh.

### Il-qdusija tat-tempju

(Mt 21,12-17; Lq 19,45-48; Ġw 2,14-16)

[15]U waslu Ġerusalemm. Kif daħal fit-tempju, qabad ikeċċi l-bejjiegħa u x-
xerrejja li kien hemm fit-tempju, qaleb l-imwejjed tas-sarrafa tal-flus u s-
siġġijiet ta' dawk li kienu jbigħu l-ħamiem,
[16]u ma ħalla lil ħadd mgħobbi b'xi ħaġa jaqsam mit-tempju.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

17U beda jgħallimhom u jgħidilhom: "Ma hemmx miktub li d-dar tiegħi tkun tissejjaħ dar it-talb għall-ġnus kollha? Intom, imma, għamiltuha għar tal-ħallelin!"

18Dan wasal f'widnejn il-qassisin il-kbar u l-kittieba, u bdew jaraw x'jagħmlu biex jeqirduh; għax huma kienu jibżgħu minnu, billi l-poplu kollu kien mimli bil-għaġeb għat-tagħlim tiegħu.

19Filgħaxija mbagħad ħarġu barra mill-belt.

### Tagħlima mis-siġra mnixxfa
(Mt 21,20-22)

20Filgħodu kmieni, huma u għaddejjin minn hemm, raw is-siġra tat-tin imnixxfa sa mill-għeruq.

21Pietru ftakar, u qallu: "Ara Rabbi, it-tina li sħett int nixfet!"

22U Ġesù wieġeb u qalilhom: "Emmnu f'Alla.

23Tassew ngħidilkom, li jekk xi ħadd jgħid lil din il-muntanja, 'Intrefa' u nxteħet il-baħar', bla ma joqgħod jitħasseb f'qalbu imma jemmen li dak li jgħid ikun se jsir, isirlu żgur.

24Għalhekk ngħidilkom: kulma titolbu fit-talb tagħkom, emmnu li tkunu ġa qlajtuh, u jingħatalkom.

25U meta tkunu weqfin titolbu, jekk ikollkom xi ħaġa kontra xi ħadd, aħfru, biex ukoll Missierkom li hu fis-smewwiet jaħfer lilkom il-ħtijiet tagħkom."

### Il-Lhud jistaqsu dwar is-setgħa ta' Ġesù
(Mt 21,23-27; Lq 20,1-8)

27Mill-ġdid marru Ġerusalemm. Kif kien qiegħed idur fit-tempju, resqu fuqu l-qassisin il-kbar u l-kittieba u x-xjuħ

28u staqsewh: "Int b'liema setgħa qiegħed tagħmlu dan kollu? U min tahielek din is-setgħa biex tagħmlu?"

29"Ha nagħmlilkom mistoqsija waħda jien," qalilhom Ġesù, "weġbuni għaliha, u ngħidilkom b'liema setgħa qiegħed nagħmel dan kollu.

30Il-magħmudija ta' Ġwanni kienet ħaġa ġejja mis-sema jew mill-bnedmin? Weġbuni."

31Dawk, bejnhom u bejn ruħhom, bdew jirraġunaw u jgħidu: "Jekk inweġbuh, 'Mis-sema', jgħidilna, 'Mela għaliex ma emmintuhx?'

32Mela ngħidulu 'Mill-bnedmin'?" Huma kienu jibżgħu min-nies, għax kulħadd kien iżomm li Ġwanni kien tabilħaqq profeta.


© 2020 Malta Bible Society.

33 Għalhekk lil Ġesù weġbuh u qalulu: "Ma nafux." U Ġesù qalilhom: "Mela anqas
jien ma ngħidilkom b'liema setgħa qiegħed nagħmel dan."

## Mark 12

### Il-parabbola tal-għalqa u l-bdiewa

(Mt 21,33-46; Lq 20,9-19)

1 U beda jkellimhom bil-parabboli: "Kien hemm raġel li ħawwel għalqa bid-
dwieli; tella' ħajt tas-sejjieħ madwarha, ħaffer magħsar fiha, bnielha torri, u
qabbilha lil xi bdiewa. U siefer f'art oħra.

2 Meta wasal iż-żmien, bagħat qaddej għand dawk il-bdiewa biex jiġborlu
mingħandhom is-sehem li kien imiss lilu mill-frott tal-għalqa.

3 Iżda huma qabduh, sawtuh, u bagħtuh lura idu f'idu.

4 Raġa' bagħtilhom qaddej ieħor, u lil dan ukoll tawh fuq rasu u ġiebu ruħhom
ħażin ħafna miegħu.

5 Bagħtilhom ieħor, u lil dan qatluh. Hekk ukoll bosta oħrajn; lil xi wħud
minnhom sawtuhom, u lil xi oħrajn qatluhom.

6 Kien baqagħlu wieħed ieħor, ibnu l-għażiż. Fl-aħħar bagħtilhom lilu. 'Minn ibni
jistħu,' qal.

7 Iżda dawk il-bdiewa bdew jgħidu bejniethom, 'Ara l-werriet! Ejjew noqtluh, u
l-wirt tiegħu jaqa' fuqna.'

8 Qabduh u qatluh, u xeħtuh barra mill-għalqa.

9 X'jagħmel sid l-għalqa? Jiġi u jeqred il-bdiewa, u l-għalqa jqabbilha lil
ħaddieħor.

10 Anqas din l-Iskrittura ma qrajtu, 'Il-ġebla li warrbu l-bennejja saret il-ġebla
tax-xewka:

11 bis-saħħa tal-Mulej seħħ dan; ħaġa tal-għaġeb f'għajnejna'?"

12 Huma riedu kieku jaqbduh taħt idejhom, għax fehmu li dik il-parabbola kien
qalha għalihom; imma beżgħu min-nies, u għalhekk ħallewh u telqu.

### Ġesù mistoqsi dwar il-ħlas tat-taxxi

(Mt 22,15-22; Lq 20,20-26)

13 Imbagħad bagħtulu xi Fariżej u Erodjani biex jonsbuh f'xi kelma.

14 Ġew u qalulu: "Mgħallem, aħna nafu li inti raġel tħobb is-sewwa u li ma
tħabbel rasek b'ħadd, għax int lejn wiċċ ħadd ma tħares, imma t-triq ta' Alla
tgħallimha kif tassew hi. Sewwa jew le li wieħed iħallas it-taxxa lil Ċesari?

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

15Għandna jew ma għandniex inħallsuha?” Imma hu ntebaħ bil-wiċċ b'ieħor tagħhom, u qalilhom: “Għaliex tridu tinbxuni? Newluli dinar ħa narah.”

16Newlulu dinar, u hu staqsiehom: “Ta' min huma dan il-wiċċ u din il-kitba?” Qalulu: “Ta' Ċesari!”

17Qalilhom imbagħad Ġesù: “Agħtu lil Ċesari dak li hu ta' Ċesari, u lil Alla dak li hu ta' Alla.” U stagħġbu ħafna bih.

### Ġesù mistoqsi dwar il-qawmien mill-imwiet

(Mt 22,23-33; Lq 20,27-40)

18Mela resqu lejh xi Sadduċej, li jgħidu li ma hemmx qawmien mill-imwiet, u għamlulu din il-mistoqsija:

19“Mgħallem, Mosè ħallielna miktub li, jekk wieħed imutlu ħuh u dan iħalli warajh lil martu bla tfal, dak ikollu jiżżewweġ l-armla hu biex inissel ulied għal ħuh.

20Mela jkun hemm sebat aħwa, u l-kbir iżżewweġ u miet bla ma ħalla tfal.

21It-tieni wieħed iżżewweġ l-armla, miet, u anqas hu ma ħalla wlied; hekk ukoll it-tielet,

22u ħadd minnhom is-sebgħa ma ħalla wlied. Fl-aħħar mietet il-mara wkoll.

23Issa fil-qawmien tal-imwiet, meta jqumu lkoll, mart min minnhom tkun? Għax is-sebgħa jkunu żżewġuha.”

24Qalilhom Ġesù: “U mhux għalhekk tiżbaljaw intom? Għax la tafu l-Iskrittura u lanqas il-qawwa ta' Alla!

25Għax il-bnedmin, meta jqumu mill-imwiet, la jiżżewġu u lanqas iżewġu, imma jkunu bħall-anġli fis-smewwiet.

26Għal dak imbagħad li hu qawmien mill-imwiet, fil-ktieb ta' Mosè, fejn jissemma l-għollieq, ma qrajtux kif Alla qallu: Jiena Alla ta' Abraham, Alla ta' Iżakk, u Alla ta' Ġakobb?

27Alla mhux tal-mejtin, iżda tal-ħajjin! Sejrin żball għall-aħħar.”

### Il-kmandament il-kbir

(Mt 22,34-40; Lq 10,25-28)

28Wieħed mill-kittieba semagħhom jitlewmu bejniethom, u, meta ra kemm Ġesù kien weġibhom tajjeb, resaq fuqu u staqsieh: “Liema wieħed fost il-kmandamenti kollha huwa l-ewwel?”

29Ġesù wieġbu: “L-ewwel wieħed huwa dan: Isma' Iżrael; il-Mulej, Alla tagħna, Mulej wieħed hu,

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

30u int għandek tħobb lill-Mulej, Alla tiegħek, b'qalbek kollha, b'ruħek kollha,
b'moħħok kollu, u bil-qawwa tiegħek kollha.

31U t-tieni hu dan: Hobb lil għajrek bħalek innifsek. Ma hemmx kmandament
ieħor akbar minn dawn."

32Qallu l-kittieb: "Sewwa qiegħed tgħid, Mgħallem; għandek raġun tgħid li
wieħed hemm, u li ma hemmx ieħor ħliefu.

33Iva, li tħobb lilu b'qalbek kollha, b'moħħok kollu, u bil-qawwa tiegħek kollha,
u tħobb lil għajrek bħalek innifsek, huwa aqwa minn kull sagrifiċċju tal-ħruq u
mis-sagrifiċċji kollha."

34Ġesù, meta rah kemm kien wieġeb bil-għaqal, qallu: "M'intix 'il bogħod mis-
Saltna ta' Alla." U ħadd ma kellu l-ħila jistaqsih iżjed.

### Il-Messija Sid David

(Mt 22,41-46; Lq 20,41-44)

35Darba, hu u jgħallem fit-tempju, Ġesù qabad u qal: "Din kif inhi li l-kittieba
jgħidu li l-Messija huwa bin David!

36David stess, imnebbaħ mill-Ispirtu s-Santu, qal, 'Il-Mulej qal lil Sidi: Oqgħod
fuq il-lemin tiegħi, sa ma nkun qegħedt l-għedewwa tiegħek taħt riġlejk.'

37Jekk David stess sejjaħlu Sidu, mela kif inhu ibnu?" U dik il-kotra kbira ta' nies
qagħdet tisimgħu bil-qalb kollha.

### Ġesù jikkundanna l-ipokrisija tal-kittieba

(Mt 23,6-36; Lq 11,37-54; 20,45-47)

38Hu u jgħallimhom qal ukoll: "Ifttħu għajnejkom mill-kittieba, li jħobbu jduru
mat-toroq bi lbiesi twal, jixtiequ min isellmilhom fil-pjazez,

39u fis-sinagogi joqogħdu fis-siġġijiet ta' quddiem, u fil-postijiet ewlenin fil-
pranzijiet;

40iberbqu ġid ir-romol, u mbagħad għal wiċċ in-nies idumu ħafna jitolbu. Dawn
jieħdu kundanna aktar iebsa."

### L-offerta tal-armla

(Lq 21,1-4)

41Kien qiegħed biswit it-teżor, iħares u jara xi flus jitfgħu n-nies fit-teżor. Bosta
għonja bdew jitfgħu ħafna.

42Resqet waħda armla fqira u tefgħet biċċtejn żgħar, jiġifieri xi tliet ħabbiet.

43Hu sejjaħ id-dixxipli tiegħu u qalilhom: "Tassew ngħidilkom, li din l-armla
fqira tefgħet iktar minn dawk kollha li tefgħu fit-teżor.

44Għax dawk kollha tefgħu miż-żejjed tagħhom, imma hi, fil-faqar tagħha,
tefgħet kulma kellha, dak kollu li kellha biex tgħix."


© 2020 Malta Bible Society.

# Mark 13

### Ġesù jħabbar it-tiġrif tat-tempju

(Mt 24,1-3; Lq 21,5-7)

1Hu u ħiereġ mit-tempju, wieħed mid-dixxipli tiegħu qallu: "Ara, Mgħallem,
x'ġebel dan, x'bini!"

2Qallu Ġesù: "Qiegħed tarah dan il-bini kollu? Ma tibqax ġebla fuq oħra, li ma
tiġġarrafx."

### Il-bidu tat-tbatijiet

(Mt 24,3-14; Lq 21,7-19)

3Kif kien qiegħed fuq l-Għolja taż-Żebbuġ, biswit it-tempju, Pietru, Ġakbu,
Ġwanni u Indrì resqu jistaqsuh għalihom waħedhom:

4"Għidilna dan meta għad jiġri u x'se jkun is-sinjal li dan kollu jkun wasal!"

5Beda mbagħad Ġesù jgħidilhom: "Araw li ħadd ma jqarraq bikom.

6Għad jiġu ħafna f'ismi u jgħidu, 'Jien hu', u jqarrqu b'ħafna nies.

7Meta tisimgħu min jitkellem fuq gwerer u xnigħat ta' gwerer, xejn titħawdu.
Dan jeħtieġ li jiġri, imma jkun għadu mhuwiex it-tmiem.

8Għax għad iqumu ġens kontra ġens u saltna kontra saltna, l-art titheżżeż
f'ħafna bnadi, u jkun hawn ġuħ kbir. Dan ikun il-bidu tat-tbatijiet tal-ħlas.

9Oqogħdu attenti! Għad jagħtukom f'idejn il-qrati, isawtukom fis-sinagogi, u
titilgħu quddiem gvernaturi u slaten minħabba fija, biex tagħtu xhieda
quddiemhom.

10Għax l-ewwel jeħtieġ li l-Evanġelju jkun imxandar lill-ġnus kollha.

11"U meta jeħdukom biex jitilqukom f'idejhom, tinkwetawx ruħkom xi tkunu se
tgħidu, iżda tkellmu kif tkunu mnebbħin dak il-ħin stess; għax mhux intom
tkunu li titkellmu, imma l-Ispirtu s-Santu.

12L-aħwa jwasslu lil xulxin għall-mewt u l-missier lil ibnu, u l-ulied iqumu
kontra l-ġenituri tagħhom biex tinqatgħalhom għall-mewt.

13U lilkom kulħadd isir jobgħodkom minħabba f'ismi. Imma min jibqa' jżomm
sħiħ sal-aħħar, dan isalva.

### L-hemm il-kbir

(Mt 24,15-25; Lq 21,20-24)

14"Meta mbagħad taraw il-profanazzjoni u l-ħerba fit-tempju fejn ma
għandhiex tkun - ħa jifhem min jaqra! - ħa jaħarbu mbagħad lejn l-għoljiet dawk
li jkunu fil-Lhudija;

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

15u min ikun fuq il-bejt, ara li ma jinżilx biex jidħol ġewwa jieħu xi ħaġa mid-
dar;

16anqas min ikun fir-raba' ma għandu jerġa' lura biex jieħu l-mantar tiegħu.

17Jaħasra għalihom in-nisa li f'dawk il-jiem ikunu tqal jew ireddgħu!

18Itolbu li dan kollu ma jiġrix fix-xitwa.

19Għax dawk il-jiem ikunu ta' dwejjaq li mill-bidu tad-dinja li ħalaq Alla sal-lum
għadu qatt ma kien hawn bħalhom u anqas ikun hawn.

20U kieku dawk il-jiem il-Mulej ma qassarhomx, ħadd mill-bnedmin ma kien
isalva. Iżda minħabba l-maħturin li għażel huwa qassarhom dawk il-jiem.

21Jekk mela xi ħadd jgħidilkom, 'Ara, hawn hu l-Messija', jew, 'Hemm qiegħed,
ara', la temmnuhx.

22Għax għad jitfaċċaw ħafna messijiet foloz u profeti foloz, u jibdew jagħmlu
sinjali, u għeġubijiet biex iqarrqu, jekk jista' jkun, mqar bil-maħturin.

23Għalhekk oqogħdu attenti; għedtilkom kollox minn qabel.

### Il-miġja ta' Bin il-bniedem
(Mt 24,29-31; Lq 21,25-27)

24"Imma f'dawk il-jiem, wara dawk id-dwejjaq, ix-xemx tiddallam, il-qamar
jitlef id-dija tiegħu,

25 il-kwiekeb jibdew jaqgħu mis-sema, u l-qawwiet tas-smewwiet jitqallbu.

26Imbagħad jaraw lil Bin il-bniedem ġej fis-sħab b'qawwa kbira u bi glorja.

27U mbagħad jibgħat l-anġli biex jiġbor flimkien il-maħturin tiegħu mill-erbat
irjieħ, minn tarf l-art sa tarf is-sema.

### Tagħlima mis-siġra tat-tin
(Mt 24,32-36; Lq 21,29-33)

28"Mis-siġra tat-tin tgħallmu din il-parabbola. Meta l-fergħa tagħha tirtab u
tarmi l-weraq, intom tintebħu li s-sajf fil-qrib.

29Hekk ukoll meta taraw dan jiġri, kunu afu li hu fil-qrib, fil-bieb.

30Tassew ngħidilkom, li ma jgħaddix dan in-nisel qabel ma jiġri dan kollu.

31Is-sema u l-art jgħaddu, imma kliemi ma jgħaddix.

32"Dwar dak il-jum u s-siegħa ħadd ma jaf meta se jaslu, anqas l-anġli fis-sema,
u anqas l-Iben; ħadd ħlief il-Missier.

### Ħadd ma jaf il-jum u s-siegħa
(Mt 24,36-44)

33"Kunu għajnejkom miftuħa, ishru, għax ma tafux meta se jasal il-waqt.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

34Jiġri bħal meta bniedem ikun siefer u telaq mid-dar, iħalli kollox f'idejn il-qaddejja tiegħu, kull wieħed fuq xogħlu, u lil tal-bieb jordnalu biex jibqa' jishar.

35Mela ishru, għax ma tafux meta jiġi Sid id-dar, jekk hux filgħaxija, jew f'nofs il-lejl, jew xħin jidden is-serduk, jew inkella mas-sebħ,

36li ma jmurx jiġi għal għarrieda u jsibkom reqdin.

37U dak li qiegħed ngħid lilkom, qiegħed ngħidu għal kulħadd: ishru!"

## Mark 14

### Il-kapijiet jiftiehmu kontra Ġesù

(Mt 26,2-5; Lq 22,1-2; Ġw 11,34-53)

1Kien għad baqa' jumejn għall-Għid u għall-Ażżmi, u l-qassisin il-kbar u l-kittieba bdew ifittxu kif jaqbdu lil Ġesù bil-qerq ta' moħħhom u jagħtuh il-mewt.

2Għax bdew jgħidu: "Mhux fil-festa, li ma tqumx xi rewwixta fil-poplu."

### Ġesù midluk f'Betanja

(Mt 26,6-13; Ġw 12,1-8)

3Ġesù kien qiegħed jiekol għand Xmun il-lebbruż f'Betanja. Daħlet mara, b'vażett tal-alabastru biż-żejt ifuħ ta' nard pur, jiswa ħafna, kissret għonq il-vażett, u ferrgħet iż-żejt fuq ras Ġesù.

4U kien hemm xi wħud li bdew jitmasħnu bejniethom u jgħidu: "Dal-ħala kollu ta' fwieħa għalfejn?

5Dil-fwieħa setgħet iġġib aktar minn tliet mitt dinar u jingħataw lill-foqra." U bdew jeħduha magħha.

6Imma Ġesù qal: "Halluha; għala qegħdin iddejquha? Ħaġa tajba għamlet miegħi.

7Il-foqra ssibuhom dejjem magħkom, u tistgħu tgħinuhom kull meta tridu. Imma lili mhux dejjem se ssibuni magħkom.

8Hi għamlet li setgħet; dilkitli ġismi bil-fwieħa għad-difna minn qabel.

9Tassew ngħidilkom, li kull fejn jixxandar l-Evanġelju fid-dinja kollha li għamlet din jingħad ukoll, b'tifkira tagħha."

### It-tradiment ta' Ġuda

(Mt 26,14-16; Lq 22,3-6)

10Imbagħad Ġuda l-Iskarjota, wieħed mit-Tnax, mar għand il-qassisin il-kbar biex jagħtihom lil Ġesù f'idejhom.

11Għal din l-aħbar ferħu ħafna, u wegħduh li jagħtuh xi flus. U hu beda jfittex il-waqt tajjeb biex jagħtihom lil Ġesù f'idejhom.


© 2020 Malta Bible Society.

## Ġesù jagħmel l-ikla tal-Għid mad-dixxipli
(Mt 26,17-25; Lq 22,7-14.21-23; Ġw 13,21-30)

12Fl-ewwel jum tal-Ażżmi, meta kienu jissagrifikaw il-ħaruf tal-Għid, id-dixxipli tiegħu qalulu: "Fejn tridna mmorru nħejju biex tiekol l-ikla tal-Għid?"

13Imbagħad hu bagħat tnejn mid-dixxipli tiegħu u qalilhom: "Morru l-belt, u tiltaqgħu ma' raġel iġorr ġarra ilma. Morru warajh,

14u għidu lil sid id-dar ta' fejn tarawh dieħel, 'Qallek l-Imgħallem: Fejn hi l-kamra tiegħi li fiha nista' niekol l-ikla tal-Għid mad-dixxipli tiegħi?'

15U hu jurikom kamra kbira fuq, mgħammra u lesta. Hejjulna hemmhekk."

16U d-dixxipli marru u daħlu fil-belt, u sabu kollox kif kien qalilhom hu; u ħejjew l-ikla tal-Għid.

17Għall-ħin ta' filgħaxija Ġesù ġie mat-Tnax.

18U kif kienu fuq il-mejda jieklu qal: "Tassew ngħidilkom, li wieħed minnkom se jittradini, wieħed li qiegħed jiekol miegħi."

19Huma bdew isewdu qalbhom, u wieħed wara l-ieħor staqsewh: "Jaqaw jien?"

20Qalilhom: "Wieħed mit-Tnax, li qiegħed ibill il-ħobż fi platt wieħed miegħi.

21Għax Bin il-bniedem imur, kif hemm miktub fuqu; imma ħażin għalih dak il-bniedem li permezz tiegħu Bin il-bniedem ikun mogħti f'idejn l-għedewwa! Kien ikun aħjar għalih dak il-bniedem li kieku ma twieled xejn!"

## It-twaqqif tal-Ewkaristija
(Mt 26,26-29; Lq 22,15-20; 1 Kor 11,23-25)

22Huma u jieklu, ħa l-ħobż f'idejh, qal il-barka, qasmu, newwilhulhom u qal: "Hudu, dan hu ġismi."

23Imbagħad ħa kalċi f'idejh, radd il-ħajr, u newwilhulhom, u lkoll xorbu minnu.

24U qalilhom: "Dan huwa demmi, id-demm tal-patt, li jixxerred għal ħafna.

25Tassew ngħidilkom, li ma nixrobx iżjed mill-frott tad-dielja sa dak in-nhar li nixrob inbid ġdid fis-Saltna ta' Alla."

## Ġesù jħabbar iċ-ċaħda ta' Pietru
(Mt 26,30-35; Lq 22,31-34; Ġw 13,36-38)

26Imbagħad kantaw is-salmi u ħarġu lejn l-Għolja taż-Żebbuġ.

27U Ġesù qalilhom: "Ilkoll se titħawdu, għax hu miktub: 'Nidrob ir-ragħaj, u n-nagħaġ jitferrxu'.

28Imma wara li nqum mill-mewt, immur il-Galilija qabilkom."

29Qallu Pietru: "Ukoll jekk jitfixkel kulħadd, jiena ma nitfixkilx."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

30Qallu Ġesù: "Tassew ngħidlek, li llum, dal-lejl stess, qabel ma s-serduk ikun
idden darbtejn, int tkun ġa ċħadtni tliet darbiet."

31Iżda Pietru tenna bil-qawwa kollha: "Le, ma niċħdekx, anqas jekk ikolli mmut
miegħek!" U l-oħrajn ukoll, kollha qalu l-istess.

### Ġesù jitlob fil-Ġetsemani

(Mt 26,36-46; Lq 22,39-46)

32Waslu f'qasam jismu Ġetsemani, u qal lid-dixxipli tiegħu: "Oqogħdu
bilqiegħda hawn sakemm nitlob."

33U ħa miegħu lil Pietru u lil Ġakbu u lil Ġwanni, u bdew jaħkmuh il-biża' u d-
dwejjaq.

34Qalilhom: "Inħossni mnikket għall-mewt; ibqgħu hawn u ishru."

35Mexa kemmxejn 'il quddiem, inxteħet fl-art, u talab li, jekk jista' jkun
titwarrab minnu dik is-siegħa.

36U qal: "Abba, Missier, kollox jista' jkun għalik; biegħed minni dan il-kalċi! Iżda
mhux li rrid jien, imma li trid int."

37Ġie ħdejhom u sabhom reqdin, u qal lil Pietru: "Xmun, rieqed? Ma flaħtx tishar
siegħa waħda!

38Ishru u itolbu biex ma tidħlux fit-tiġrib. L-ispirtu, iva, irid; imma l-ġisem
dgħajjef."

39U raġa' mar u tenna l-istess talba.

40Mill-ġdid ġie u għal darb'oħra sabhom reqdin, għax għajnejhom kienu tqal
bin-ngħas; u ma għarfux x'jaqbdu jgħidulu.

41Ġie għat-tielet darba u qalilhom: "Torqdu issa u tistrieħu? Biżżejjed. Is-siegħa
waslet; araw li Bin il-bniedem se jkun mogħti f'idejn il-midinbin.

42Qumu! Ejjew immorru! Ara, dak li se jittradini hu fil-qrib!"

### Ġesù ttradut u arrestat

(Mt 26,47-56; Lq 22,47-53; Ġw 18,2-11)

43Minnufih, kif kien għadu jitkellem, wasal Ġuda, wieħed mit-Tnax, b'ġemgħa
nies miegħu, armati bis-sjuf u l-bsaten, mibgħuta mill-qassisin il-kbar u mill-
kittieba u x-xjuħ.

44Issa dak li kien se jittradih kien tahom sinjal minn qabel u qalilhom: "Dak li
nbusu huwa hu; aqbduh u morru bih mgħasses tajjeb."

45Malli mbagħad wasal, baqa' sejjer fuqu u qallu, "Rabbi." U biesu.

46Huma meddew idejhom fuqu u qabduh.


© 2020 Malta Bible Society.

47Imma wieħed minn dawk ta' madwaru silet is-sejf, ta daqqa bih lill-qaddej tal-qassis il-kbir u qatagħlu widintu.

48Ġesù dar fuqhom u qalilhom: "Qiskom ħriġtu għal xi ħalliel, armati bis-sjuf u l-bsaten biex taqbdu lili!

49Jien kuljum kont inkun fostkom fit-tempju ngħallem, u ma żammejtunix. Imma dan kollu ġara biex isseħħ l-Iskrittura."

50Imbagħad id-dixxipli tiegħu kollha telquh u ħarbu.

51Wieħed żagħżugħ mar warajh imgeżwer b'liżar biss fuq xejn, u qabduh;

52imma hu telqilhom il-liżar f'idejhom u ħarab għeri.

### Ġesù quddiem il-kunsill tas-Sinedriju

(Mt 26,57-68; Lq 22,54.63-71; Ġw 18,13-24)

53Ħadu lil Ġesù għand il-qassis il-kbir, u nġabru l-qassisin il-kbar kollha u x-xjuħ u l-kittieba.

54Pietru kien baqa' miexi warajh mill-bogħod sa ġol-palazz tal-qassis il-kbir, u qagħad bilqiegħda mal-qaddejja ħdejn in-nar għas-sħana.

55Il-qassisin il-kbar u s-Sinedriju kollu bdew ifittxu xhieda kontra Ġesù biex jagħtuh il-mewt, u ma sabux.

56Tassew li kien hemm ħafna li xehdu bil-qerq kontra tiegħu, imma x-xhieda tagħhom ma kinitx taqbel.

57Imbagħad qamu xi wħud jagħtu xhieda qarrieqa kontra tiegħu u qalu:

58"Aħna smajnieh jgħid, 'Jiena nħott dan it-tempju mibni bl-idejn, u fi tlitt ijiem nibni ieħor li ma jkunx mibni bl-idejn!' "

59Imma x-xhieda tagħhom anqas f'dan ma kienet taqbel.

60Imbagħad il-qassis il-kbir qam f'nofs il-ġemgħa u staqsa lil Ġesù: "Xejn ma twieġeb? X'inhuma jixhdu dawn kontra tiegħek?"

61Iżda hu baqa' sieket u ma wieġeb xejn. Mill-ġdid il-qassis il-kbir staqsieh u qallu: "Int il-Messija, Bin l-Imbierek?"

62"Jiena hu," wieġbu Ġesù, "u intom għad taraw lil Bin il-bniedem bilqiegħda n-naħa tal-lemin tal-Qawwa u ġej fuq is-sħab tas-sema."

63Imbagħad il-qassis il-kbir ċarrat l-ilbies ta' fuqu u qal: "Xi ħtieġa għandna iżjed ta' xhieda?

64Id-dagħwa smajtuha! X'jidhrilkom?" U kollha qatgħuhielu li kien ħaqqu l-mewt.


© 2020 Malta Bible Society.

65Imbagħad xi wħud bdew jobżqulu fuqu, jgħattulu wiċċu, jagħtuh bil-ponn u jgħidulu: "Aqta' min!" U l-qaddejja bdew jagħtuh bil-ħarta.

### Pietru jiċħad lil Ġesù

(Mt 26,69-75; Lq 22,55-62; Ġw 18,15-18.25-27)

66Waqt li Pietru kien isfel 'il ġewwa mid-daħla tal-palazz, ġiet waħda qaddejja tal-qassis il-kbir.

67Kif rat lil Pietru qiegħed għas-sħana, waħħlet għajnejha fuqu u qaltlu: "Int ukoll kont ma' Ġesù ta' Nazaret."

68Imma hu ċaħad u qal: "Ma nafx, m'iniex nifhem x'inti tgħid." U ħareġ 'il barra fid-daħla tal-palazz. U s-serduk idden.

69Il-qaddejja ratu, u reġgħet bdiet tgħid lil dawk li kienu hemm: "Dan wieħed minnhom."

70U mill-ġdid ċaħad. Wara ftit, dawk li kienu ħdejh reġgħu qalu lil Pietru: "Tassew, int wieħed minnhom; għax int ukoll mill-Galilija."

71Imbagħad qabad jisħet lilu nnifsu u jaħlef: "Jiena ma nafux lil dan il-bniedem li qegħdin issemmu."

72Minnufih is-serduk idden għat-tieni darba. Pietru ftakar fil-kelma li kien qallu Ġesù: 'Qabel ma s-serduk jidden darbtejn, inti tiċħadni tliet darbiet.' U nfexx jibki.

## Mark 15

### Ġesù quddiem Pilatu

(Mt 27,1-2.11-26; Lq 23,1-5.13-25; Ġw 18,28; 19,1.4-16)

1Filgħodu kmieni l-qassisin il-kbar iltaqgħu malajr max-xjuħ u mal-kittieba u mas-Sinedriju kollu biex jiftiehmu bejniethom. Imbagħad rabtu lil Ġesù, ħaduh u tawh f'idejn Pilatu.

2Pilatu staqsieh: "Inti s-sultan tal-Lhud?" U hu wieġeb u qallu: "Int qiegħed tgħidu."

3Il-qassisin il-kbar bdew jaqilgħu ħafna akkużi kontra tiegħu.

4Iżda Pilatu raġa' staqsieh: "Ma twieġeb xejn? Ara kemm akkużi qegħdin iġibu kontra tiegħek!"

5Imma Ġesù ma wieġeb xejn iżjed, hekk li Pilatu baqa' mistagħġeb.

### Ġesù kkundannat għall-mewt

(Mt 27,15-26; Lq 23,13-25; Ġw 18,39—19,16)

6F'nhar ta' festa kien jitilqilhom wieħed ħabsi, lil dak li kienu jitolbu huma.


© 2020 Malta Bible Society.

7Issa fil-ħabs kien hemm wieħed jismu Barabba, arrestat flimkien max-xewwiexa li fir-rewwixta kienu qatlu lil xi ħadd.

8In-nies telgħu u bdew jitolbuh jagħmel kif kien jagħmlilhom dejjem.

9Qabad Pilatu u qalilhom: "Tridux nitilqilkom is-sultan tal-Lhud?"

10Għax hu għaraf tajjeb li l-qassisin il-kbar kienu tawh lil Ġesù f'idejh minħabba l-għira.

11Iżda l-qassisin il-kbar bdew ixewxu n-nies li aħjar jitilqilhom lil Barabba.

12Pilatu raġa' staqsiehom u qalilhom: "U x'nagħmel imbagħad b'dak li intom issejħulu s-sultan tal-Lhud?"

13Iżda huma nfexxew jgħajtu mill-ġdid: "Sallbu!"

14Qalilhom Pilatu: "Imma x'għamel ħażin?" Huma aktar bdew jgħajtu: "Sallbu!"

15Pilatu mbagħad, biex jogħġob lin-nies, telqilhom lil Barabba, u lil Ġesù, wara li tah is-swat, tahulhom biex isallbuh.

### Is-suldati jżebilħu lil Ġesù

(Mt 27,27-31; Ġw 19,2-3)

16Is-suldati ħaduh magħhom ġewwa fil-palazz, jiġifieri l-Pretorju, u sejħu r-riġment kollu.

17Libbsuh ilbies aħmar skur, u qegħdulu fuq rasu kuruna minsuġa mix-xewk.

18U bdew isellmulu: "Is-sliem għalik, sultan tal-Lhud!"

19U qabdu jagħtuh b'qasba fuq rasu, jobżqulu fuqu, u jilwu rkupptejhom quddiemu biex jagħtuh qima.

20Imbagħad, wara li għaddewh biż-żufjett, neżżgħulu l-ilbies aħmar u xeddewlu ħwejġu.

### Ġesù msallab

(Mt 27,32-44; Lq 23,26-43; Ġw 19,18-24)

U ħaduh 'il barra biex isallbuh.

21Kien għaddej wieħed, Xmun minn Ċireni, missier Xandru u Rufu, ġej lura mir-raba', u ġagħluh jerfagħlu s-salib.

22U wassluh f'post jismu Golgota, li jfisser post il-Qorriegħa.

23U tawh jixrob inbid imħallat bil-mirra, imma hu ma riedx jieħu minnu.

24Imbagħad sallbuh, u qassmu ħwejġu bejniethom billi tellgħuhom bix-xorti ħalli kull wieħed jieħu li jmissu.

25Kienet it-tielet siegħa xħin sallbuh.


© 2020 Malta Bible Society.

26Il-kitba li turi l-ħtija tal-kundanna tiegħu kienet tgħid hekk: "Is-sultan tal-
Lhud."

27Miegħu sallbu wkoll żewġ ħallelin, wieħed fuq il-lemin u l-ieħor fuq ix-xellug.

29Dawk li kienu għaddejjin bdew jgħajruh, iċaqilqu rashom u jgħidu: "Għajb
għalik, int li tħott it-tempju u tfittex terġa' tibnih fi tlitt ijiem!

30Inżel minn fuq is-salib u salva lilek innifsek!"

31Hekk ukoll il-qassisin il-kbar bdew jiddieħku bih bejniethom u mal-kittieba u
jgħidu: "Salva oħrajn, lilu nnifsu ma jistax isalva!

32Ha jinżel issa l-Messija, is-sultan ta' Iżrael, minn fuq is-salib biex aħna naraw
u nemmnu!" U dawk li kienu msallbin miegħu bdew imaqdruh huma wkoll.

## Il-mewt ta' Ġesù

(Mt 27,45-56; Lq 23,44-49; Ġw 19,28-30)

33Xħin saret is-sitt siegħa waqgħet dalma kbira fuq il-pajjiż kollu sad-disa'
siegħa.

34U fid-disa' siegħa Ġesù għajjat b'leħen qawwi: "Eloî, Eloî, lema sabaqtani!", li
jfisser: "Alla tiegħi, Alla tiegħi, għaliex tlaqtni!"

35Xi wħud minn dawk li kienu hemm, kif semgħuh, qalu: "Ara, qiegħed isejjaħ
lil Elija!"

36U mar wieħed jiġri jxappap sponża bl-inbid qares, waħħalha f'tarf ta' qasba u
tah jixrob filwaqt li qal: "Stennew, ħa naraw jiġix Elija jniżżlu!"

37Imma Ġesù għajjat għajta kbira u radd ruħu.

38U l-purtiera tas-santwarju ċċarrtet fi tnejn minn fuq s'isfel.

39Iċ-ċenturjun li kien wieqaf biswitu, meta rah jgħajjat u jmut hekk, qal: "Dan il-
bniedem kien tassew Bin Alla!"

40Kien hemm ukoll xi nisa jħarsu mill-bogħod, fosthom Marija ta' Magdala,
Marija omm Ġakbu ż-żgħir u Ġosè, u Salomi;

41dawn, meta Ġesù kien fil-Galilija, kienu jmorru miegħu u jaqduh. U kien hemm
ukoll bosta oħrajn li kienu telgħu Ġerusalemm miegħu.

## Id-difna ta' Ġesù

(Mt 27,57-61; Lq 23,50-55; Ġw 19,38-42)

42Kien ġa sar filgħaxija, u billi kien Jum it-Tħejjija, jiġifieri lejlet is-Sibt,

43Ġużeppi minn Arimatija, membru magħruf tal-Kunsill, li hu wkoll kien
jistenna s-Saltna ta' Alla, għamel il-ħila, daħal quddiem Pilatu u talbu l-ġisem ta'
Ġesù.


© 2020 Malta Bible Society.

44Pilatu stagħġeb li kien ġa miet; bagħat għaċ-ċenturjun u staqsieh jekk kienx ilu li miet.

45Meta mbagħad sar jaf mingħand iċ-ċenturjun, ta l-ġisem ta' Ġesù lil Ġużeppi,

46u dan xtara liżar tal-għażel, niżżel lil Ġesù mis-salib, keffnu fil-liżar u qiegħdu f'qabar imħaffer fil-blat; imbagħad gerbeb ġebla fid-daħla tal-qabar.

47Marija ta' Magdala u Marija omm Ġosè qagħdu jaraw fejn tqiegħed.

## Mark 16

### Il-qawmien ta' Ġesù mill-imwiet

(Mt 28,1-18; Lq 24,1-12; Ġw 20,1-10)

1Meta għadda s-Sibt, Marija ta' Magdala, Marija omm Ġakbu, u Salomi xtraw xi fwejjaħ biex imorru jidilkuh bihom.

2U kmieni ħafna fl-ewwel jum tal-ġimgħa, kif telgħet ix-xemx marru ħdejn il-qabar.

3U bdew jgħidu lil xulxin: "Min se jgerbilna l-ġebla mid-daħla tal-qabar?"

4Iżda meta ħarsu, raw li l-ġebla kienet imressqa fil-ġenb; kienet ġebla kbira ħafna.

5Daħlu fil-qabar, u raw żagħżugħ bilqiegħda n-naħa tal-lemin, liebes libsa bajda; u nħasdu.

6Imma hu qalilhom: "Xejn la tinħasdu. Qegħdin tfittxu lil Ġesù ta' Nazaret li kien imsallab; qam mill-mewt, mhuwiex hawn. Araw il-post fejn kienu qegħduh.

7Imma morru għidu lid-dixxipli tiegħu, u lil Pietru, li hu sejjer fil-Galilija qabilkom; tarawh hemmhekk, kif kien qalilkom."

8U huma ħarġu 'l barra u tbiegħdu b'ġirja waħda mill-qabar, għax kellhom rogħda fuqhom u baqgħu mbellhin bil-biża'. U ma qalu xejn lil ħadd, għax beżgħu.

### Ġesù jidher lil Marija ta' Magdala

(Mt 28,9-10; Ġw 20,11-18)

9Wara li qam mill-mewt filgħodu kmieni fl-ewwel jum tal-ġimgħa Ġesù deher l-ewwel lil Marija ta' Magdala, li minnha kien keċċa seba' xjaten.

10Din marret tħabbar kollox lil sħabu, li kienu qalbhom sewda u jibku.

11Imma dawn, meta semgħuha tgħid li hu kien ħaj u li ratu, ma emmnuhiex.

### Ġesù jidher lil żewġ dixxipli

(Lq 24,13-35)

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

12Wara dan, wera ruħu taħt sura oħra lil tnejn minnhom huma u sejrin bil-mixi
lejn ir-raba'.

13U huma reġgħu lura u taw l-aħbar lill-oħrajn, imma anqas lil dawn ma
emmnuhom.

### Ġesù jagħti l-missjoni lill-Appostli
(Mt 28,16-20; Lq 24,36-49; Ġw 20,19-23; Atti 1,6-8)

14Fl-aħħar wera ruħu lill-Ħdax stess waqt li kienu fuq il-mejda, u ċanfarhom
talli kienu nieqsa mill-fidi u hekk rashom iebsa li ma emmnux lil dawk li kienu
rawh wara li qam mill-mewt.

15U qalilhom: "Morru fid-dinja kollha, xandru l-Evanġelju lill-ħolqien kollu.

16Min jemmen u jitgħammed, isalva; iżda min ma jemminx, ikun ikkundannat.

17U dawn huma s-sinjali li jsieħbu lil dawk li jemmnu: f'ismi jkeċċu x-xjaten,
jitkellmu b'ilsna ġodda,

18jaqbdu s-sriep b'idejhom, u jekk jixorbu xi xorb li jġib il-mewt ma
jagħmlilhomx ħsara; iqiegħdu jdejhom fuq il-morda u dawn ifiqu."

### It-tlugħ ta' Ġesù fis-sema
(Lq 24,50-53; Atti 1,3-14)

19U hekk il-Mulej Ġesù, wara li kellimhom, kien imtella' fis-sema u qagħad in-
naħa tal-lemin ta' Alla.

20Huma mbagħad marru jippridkaw kullimkien; il-Mulej kien jaħdem
magħhom u jwettaq il-kelma bil-mirakli li kienu jsiru magħha.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

# Luqa

## Luqa 1

### Dedika lil Teofilu

1Bosta kienu dawk li ħadu f'idejhom ix-xogħol li jiġbru bl-ordni f'rakkont wieħed il-ġrajja li seħħew fostna,

2kif għaddewhom lilna dawk li sa mill-bidu rawhom b'għajnejhom stess u saru ministri tal-kelma.

3Hekk ukoll jien, għażiż Teofilu, wara li bir-reqqa kollha qgħadt infittex it-tagħrif dwar kulma ġara sa mill-bidu nett, deherli li għandi niktiblek kollox ħaġa b'ħaġa,

4biex tagħraf sewwa l-verità sħiħa dwar kulma tgħallimt.

### It-tħabira tat-twelid ta' Ġwanni l-Battista

5Fi żmien Erodi, sultan tal-Lhudija, kien hemm qassis jismu Żakkarija, mit-taqsima ta' Abija; martu, li kien jisimha Eliżabetta, kienet minn ulied Aron.

6It-tnejn kienu nies ġusti quddiem Alla u jimxu bla nuqqas ta' xejn skont il-preċetti u l-kmandamenti kollha tal-Mulej.

7Ulied ma kellhomx, għax Eliżabetta ma setax ikollha, u t-tnejn kienu mdaħħlin fiż-żmien.

8Mela ġara li Żakkarija kien qiegħed jaqdi dmiru ta' qassis quddiem Alla, għax kien imissha t-taqsima tiegħu,

9u, skont id-drawwa tal-liturġija, intgħażel hu bix-xorti biex jidħol ġewwa fis-santwarju tal-Mulej ħalli jaħraq l-inċens.

10Waqt ir-rit tal-inċens, il-kotra kollha tal-poplu kienet qiegħda titlob barra.

11U deherlu anġlu tal-Mulej, wieqaf in-naħa tal-lemin tal-artal tal-inċens.

12Żakkarija, malli rah, tħawwad u waqa' biża' fuqu.

13Imma l-anġlu qallu: "Tibżax, Żakkarija, għax it-talba tiegħek instemgħet: martek Eliżabetta se tagħtik iben, u inti ssemmih Ġwanni.

14Din tkun għalik ħaġa li tqanqlek bil-ferħ u thennik ħafna, u jkun hemm bosta li jifirħu bit-twelid tat-tifel.

15Għax hu jkun kbir quddiem il-Mulej; ma jkun jixrob ebda inbid jew xorb qawwi, u jimtela bi spirtu qaddis sa minn ġuf ommu.

16Huwa jreġġa' lil ħafna minn ulied Iżrael lejn il-Mulej Alla tagħhom,

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

17u hu ġej qabel il-Mulej, mimli bl-ispirtu u l-qawwa ta’ Elija, biex iraġġa’ l-qlub tal-missirijiet lejn uliedhom, u lil dawk li ma jridux jobdu jreġġagħhom għall-għaqal tal-ġusti, ħalli jlesti poplu mħejji sewwa għall-Mulej.”

18Imma Żakkarija qal lill-anġlu: “Kif inkun żgur minn dan? Għax jiena raġel xiħ, u marti mdaħħla fiż-żmien!”

19Wieġeb l-anġlu u qallu: “Jiena Gabrijel, li qiegħed quddiem Alla. Hu bagħatni nkellmek u nwassallek din il-bxara t-tajba.

20U issa, talli int ma emmintx kliemi, li għad iseħħ meta jasal il-waqt, ara, int tibqa’ mbikkem u ma tkunx tista’ titkellem sa dak in-nhar li jiġri kulma ħabbartlek.”

21Sadattant il-poplu kien qiegħed jistenna lil Żakkarija, u kulħadd stagħġeb bid-dewmien tiegħu fis-santwarju.

22Meta mbagħad ħareġ, ma setax ikellimhom, u ntebħu li kellu xi dehra fis-santwarju. Beda jfehemhom bis-sinjali, u baqa’ mbikkem.

23Wara li mbagħad għalaqlu ż-żmien tas-servizz tiegħu, raġa’ lura lejn id-dar.

24Xi żmien wara, martu Eliżabetta nisslet fil-ġuf, u għal ħames xhur sħaħ fittxet li tinħeba min-nies, għax bdiet tgħid:

25“Hekk għamel miegħi l-Mulej, li għoġbu jneħħili minn fuqi l-għajb li kelli quddiem in-nies!”

### It-tħabbira tat-twelid ta’ Ġesù Kristu

26Imbagħad fis-sitt xahar Alla bagħat l-anġlu Gabrijel f’belt tal-Galilija, jisimha Nazaret,

27għand xebba, mgħarrsa ma’ raġel jismu Ġużeppi mid-dar ta’ David. Dix-xebba kien jisimha Marija.

28L-anġlu daħal għandha u qalilha: “Sliem għalik, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek.”

29Hi tħawdet ħafna għal dan il-kliem, u bdiet taħseb bejnha u bejn ruħha x’setgħet qatt tfisser din it-tislima.

30Iżda l-anġlu qalilha: “Tibżax, Marija, għax inti sibt grazzja quddiem Alla.

31Ara, inti se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u ssemmih Ġesù.

32Hu jkun kbir, u jkun jissejjaħ Bin l-Għoli. Il-Mulej Alla jagħtih it-tron ta’ David missieru

33u jsaltan għal dejjem fuq dar Ġakobb, u ma jkunx hemm tmiem għas-saltna tiegħu.”

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

34Iżda Marija qalet lill-anġlu: "Kif ikun dan, ladarba ma nagħrafx raġel?"

35Wieġeb l-anġlu u qalilha: "L-Ispirtu s-Santu jiġi fuqek, u l-qawwa tal-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek. U għalhekk dak li jitwieled minnek ikun qaddis, u jissejjaħ Bin Alla.

36Ara, il-qariba tiegħek Eliżabetta, fi xjuħitha, hi wkoll nisslet iben fil-ġuf, u ġa
għandha sitt xhur dik li għaliha kienu jgħidu li ma jistax ikollha tfal,

37għax għal Alla ma hemm xejn li ma jistax isir."

38Imbagħad qalet Marija: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej: ħa jsir minni skont kelmtek!" U l-anġlu telaq minn quddiemha.

**Iż-żjara ta' Marija lil Eliżabetta**

39F'dawk il-ġranet Marija qamet u marret tħaffef lejn l-għoljiet, f'belt tal-Lhudija.

40Daħlet għand Żakkarija u sellmet lil Eliżabetta.

41Malli Eliżabetta semgħet lil Marija ssellmilha, it-tarbija qabżet fil-ġuf tagħha u Eliżabetta mtliet bl-Ispirtu s-Santu;

42u nfexxet f'għajta kbira u qalet: "Imbierka inti fost in-nisa, u mbierek il-frott tal-ġuf tiegħek!

43U minn fejn ġieni dan li omm il-Mulej tiegħi tiġi għandi?

44Għax ara, malli smajt f'widnejja leħen it-tislima tiegħek, it-tarbija li għandi fil-ġuf qabżet bil-ferħ.

45Iva, hienja dik li emmnet li jseħħ kulma bagħat jgħidilha l-Mulej!"

**Innu ta' tifħir lil Alla minn Marija**

46Imbagħad qalet Marija: "Ruħi tfaħħar il-kobor tal-Mulej,

47u l-ispirtu tiegħi jifraħ f'Alla s-Salvatur tiegħi,

48għax hu xeħet għajnejh fuq iċ-ċokon tal-qaddejja tiegħu. Iva, minn issa 'l quddiem kull nisel isejjaħli hienja,

49għax is-setgħani għamel miegħi ħwejjeġ kbar; qaddis hu l-isem tiegħu.

50Il-ħniena tiegħu tinfirex f'kull żmien fuq dawk li jibżgħu minnu.

51Hu wera l-qawwa ta' driegħu, xerred lil dawk li huma mkabbra f'qalbhom.

52Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom, u għolla ċ-ċkejknin.

53Mela b'kull ġid lil min hu bil-ġuħ, u l-għonja bagħathom 'il barra b'xejn.

54Ha ħsieb Iżrael qaddej tiegħu, għax ftakar fil-ħniena tiegħu,


© 2020 Malta Bible Society.

55bħalma wiegħed lil missirijietna, b'risq Abraham u nislu għal dejjem."

56Marija baqgħet ma' Eliżabetta għal tliet xhur u mbagħad reġgħet lura lejn darha.

### It-twelid ta' Ġwanni l-Battista

57Eliżabetta għalqilha ż-żmien biex teħles, u kellha tifel.

58Il-ġirien u qrabatha semgħu li l-Mulej wera ħniena kbira magħha, u marru jifirħu magħha.

59Meta mbagħad fit-tmien jum ġew biex jagħmlu ċ-ċirkonċiżjoni lit-tifel riedu jsemmuh Żakkarija għal missieru,

60imma qabżet ommu u qalet: "Le, iżda Ġwanni jkun jismu."

61Qalulha: "Ma hemm ħadd li jismu hekk fost qrabatek!"

62Imbagħad bdew jistaqsu bis-sinjali lil missieru x'ried isemmih,

63u hu talabhom xi ħaġa fuqiex jikteb, u kiteb hekk: "Ismu huwa Ġwanni." U kulħadd baqa' mistagħġeb.

64Dak il-ħin stess Żakkarija nfetaħlu fommu, ilsienu nħall, u beda jitkellem u jfaħħar lil Alla.

65U l-ġirien tagħhom ilkoll qabadhom il-biża', u bdew ixandru dawn il-ġrajjiet kollha mal-għoljiet kollha tal-Lhudija,

66u kull min kien jismagħhom kien iżommhom f'qalbu u jgħid: "Mela x'għad ikun dan it-tifel?" U tassew, id il-Mulej kienet miegħu.

### Il-profezija ta' Żakkarija

67U Żakkarija, missieru, imtela bl-Ispirtu s-Santu u beda jħabbar u jgħid:

68"Imbierek il-Mulej, Alla ta' Iżrael, għaliex ġie jżur u jifdi l-poplu tiegħu,

69u waqqaf għalina qawwa ta' salvazzjoni f'dar David qaddej tiegħu,

70bħalma wiegħed fl-imgħoddi b'fomm il-profeti qaddisin tiegħu,

71biex isalvana mill-għedewwa tagħna, u minn idejn dawk kollha li jobogħduna.

72B'hekk juri ħniena ma' missirijietna u jiftakar fil-patt qaddis tiegħu,

73fil-ħalfa li ħalef lil Abraham missierna: li jagħtina l-grazzja

74li, wara li jeħlisna minn idejn l-għedewwa tagħna, naqduh bla biża',

75bil-ġustizzja u l-qdusija quddiemu ħajjitna kollha.

76U int, tfajjel, tissejjaħ profeta tal-aktar Għoli, għax tmur qabel il-Mulej biex tħejjilu triqatu

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

77u tgħarraf lill-poplu tiegħu bis-salvazzjoni permezz tal-maħfra ta' dnubiethom,

78mogħtija mill-qalb ħanina ta' Alla tagħna, li mill-għoli jiġi jżurna bħax-xemx tielgħa;

79u jdawwal lil min jinsab fid-dlamijiet u d-dell tal-mewt, u jmexxi l-passi tagħna fit-triq tas-sliem."

80It-tifel kiber u ssaħħaħ f'ruħu, u baqa' jgħix fid-deżert sa dakinhar li ħareġ quddiem Iżrael.

## Luqa 2

### It-twelid ta' Ġesù Kristu

(Mt 1,18-25)

1F'dik il-ħabta Ċesari Awgustu ħareġ digriet biex isir ċensiment fid-dinja kollha.

2Dan kien l-ewwel ċensiment li sar meta Kirinu kien gvernatur tas-Sirja.

3U kulħadd mar biex jinkiteb, kull wieħed fil-belt tiegħu.

4Ġużeppi wkoll mar mill-Galilija, mill-belt ta' Nazaret, u tala' l-Lhudija, fil-belt ta' David jisimha Betlehem - għax hu kien mid-dar u l-familja ta' David -

5biex jinkiteb flimkien ma' Marija l-għarusa tiegħu, li kienet tqila.

6Ġara li, meta kienu hemm, Marija għalqilha ż-żmien biex teħles,

7u wildet l-ewwel iben tagħha, fisqietu u medditu f'maxtura, għax ma kienx hemm post għalihom fil-lukanda.

### Ir-rgħajja u l-anġli

8F'dawk l-inħawi kien hemm xi rgħajja fir-raba', għassa mal-merħla tagħhom billejl.

9U dehrilhom anġlu tal-Mulej, il-glorja tal-Mulej iddiet madwarhom, u qabadhom biża' kbir.

10Iżda l-anġlu qalilhom: "Tibżgħux, għax araw, qiegħed inħabbrilkom ferħ kbir, ferħ li se jkun għall-poplu kollu.

11Illum, fil-belt ta' David, twildilkom Salvatur, li hu l-Messija, il-Mulej.

12U bħala sinjal ikollkom dan; issibu tarbija mfisqija u mimduda f'maxtura."

13F'daqqa waħda ngħaqdu mal-anġlu għadd kbir ta' qtajja' tas-sema, ifaħħru lil Alla u jgħidu:

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

14“Glorja lil Alla fl-ogħla tas-smewwiet, u sliem fl-art lill-bnedmin li jogħġbu
lilu!”

15Meta mbagħad l-anġli ħallewhom u telgħu s-sema, ir-rgħajja bdew jgħidu lil
xulxin: “Ejjew immorru Betlehem ħa naraw x’ġara kif għarrafna l-Mulej.”

16Marru mela jgħaġġlu, u sabu lil Marija u ’l Ġużeppi, bit-tarbija mimduda
f’maxtura.

17Kif raw dan, bdew jgħarrfu b’kulma kien intqal lilhom dwar dik it-tarbija,

18u kull min semagħhom baqa’ mistagħġeb b’dak li qalulhom ir-rgħajja.

19Marija, min-naħa tagħha, baqgħet tgħożż f’qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha u
taħseb fuqhom bejnha u bejn ruħha.

20Ir-rgħajja mbagħad reġgħu lura, isebbħu u jfaħħru lil Alla għal kulma kienu
raw u semgħu, kif l-anġlu kien qalilhom.

21Meta wasal it-tmien jum biex lit-tifel jagħmlulu ċ-ċirkonċiżjoni, semmewh
Ġesù, bl-isem li kien tah l-anġlu qabel ma tnissel fil-ġuf.

### Il-preżentazzjoni ta’ Ġesù fit-tempju

22Wara li għalqilhom iż-żmien għall-purifikazzjoni tagħhom skont il-Liġi ta’
Mosè, ħaduh Ġerusalemm biex jippreżentawh lill-Mulej,

23kif hemm miktub fil-Liġi tal-Mulej, li ‘kull tifel li jitwieled l-ewwel, jiġi
kkonsagrat lill-Mulej,’

24u biex joffru b’sagrifiċċju ‘par gamiem jew żewġ bċieċen,’ kif jingħad ukoll fil-
Liġi tal-Mulej.

25F’Ġerusalemm kien hemm wieħed, jismu Xmun, raġel ġust u tajjeb, li kien
jistenna l-faraġ ta’ Iżrael u li kellu l-Ispirtu s-Santu fuqu.

26L-Ispirtu s-Santu kien nebbħu li ma kienx se jara l-mewt qabel ma jara l-
Messija tal-Mulej.

27Mar mela fit-tempju, imqanqal mill-Ispirtu, u xħin il-ġenituri daħlu bit-tarbija
Ġesù biex jagħmlulu dak li kienet trid il-Liġi,

28huwa laqgħu fuq dirgħajh, bierek lil Alla u qal:

29“Issa, o Sid, tista’ tħalli l-qaddej tiegħek imur fis-sliem, skont kelmtek,

30għaliex għajnejja raw is-salvazzjoni tiegħek

31li int ħejjejt għall-popli kollha,

32dawl biex idawwal il-ġnus, u glorja tal-poplu tiegħek Iżrael.”

33Missieru u ommu baqgħu mistagħġba b’dak li kien qiegħed jingħad fuqu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

34Xmun berikhom, u qal lil ommu Marija: "Ara, dan se jġib il-waqgħa u l-
qawmien ta' ħafna f'Iżrael; se jkun sinjal li jmeruh,

35- u inti wkoll, sejf jinfidlek ruħek! - biex jinkixfu l-ħsibijiet moħbija fil-qlub ta'
ħafna."

36Kien hemm ukoll waħda profetissa, Anna, bint Fanwel, mit-tribù ta' Aser.
Kienet imdaħħla ħafna fiż-żmien; wara xbubitha kienet għamlet seba' snin
miżżewġa,

37u mbagħad romlot. Sa ma kellha erbgħa u tmenin sena ma kienet titwarrab
qatt mit-tempju, lejl u nhar taqdi lil Alla fis-sawm u t-talb.

38Dak il-ħin stess waslet, u bdiet trodd ħajr lil Alla u titkellem fuq it-tarbija ma'
dawk kollha li kienu jistennew il-fidwa ta' Ġerusalemm.

39Meta temmew kulma kellhom jagħmlu skont il-Liġi tal-Mulej reġgħu lura lejn
il-Galilija fil-belt tagħhom ta' Nazaret.

40U t-tifel baqa' jikber u jissaħħaħ, mimli bl-għerf. U l-grazzja ta' Alla kienet
fuqu.

### It-tfajjel Ġesù fit-tempju

41Ta' kull sena l-ġenituri ta' Ġesù kienu jmorru Ġerusalemm għall-festa tal-
Għid.

42Meta kellu tnax-il sena telgħu wkoll, skont id-drawwa ta' dik il-festa.

43Wara li għaddew dawk il-ġranet qabdu t-triq lura, imma t-tfajjel Ġesù baqa'
Ġerusalemm bla ma kienu jafu l-ġenituri tiegħu.

44Huma ħasbuh qiegħed ma' xi wħud li kienu fit-triq magħhom; iżda meta wara
jum mixi fittxewh fost qrabathom u n-nies li kienu jafuhom,

45ma sabuhx, u għalhekk reġgħu lura Ġerusalemm ifittxuh.

46Wara tlitt ijiem sabuh fit-tempju, bilqiegħda f'nofs l-għalliema, jismagħhom u
jistaqsihom;

47u kull min semgħu baqa' mistagħġeb bid-dehen u t-tweġibiet tiegħu.

48Kif rawh, instamtu, u ommu qaltlu: "Ibni, dan għaliex għamiltilna hekk? Ara,
missierek u jiena konna qegħdin infittxuk b'qalbna maqsuma!"

49U hu qalilhom: "U għaliex kontu qegħdin tfittxuni? Ma tafux li jiena għandi
nkun f'dak li hu ta' Missieri?"

50Iżda kliemu ma fehmuhx.

51Imbagħad niżel magħhom u raġa' mar Nazaret; u kien jobdihom. U ommu
kienet tgħożż f'qalbha dawn il-ħwejjeġ kollha.


© 2020 Malta Bible Society.

52U hekk Ġesù baqa' jikber fl-għerf, fis-snin u fil-grazzja, quddiem Alla u quddiem il-bnedmin.

## Luqa 3

### Il-predikazzjoni ta' Ġwanni l-Battista

(Mt 3,1-12; Mk 1,1-8; Ġw 1,19-28)

1Fis-sena ħmistax tal-ħakma ta' Tiberju Ċesari, meta Ponzju Pilatu kien gvernatur tal-Lhudija, Erodi tetrarka tal-Galilija, ħuh Filippu tetrarka tal-artijiet tal-Iturija u t-Trakonija, u Lisanja tetrarka ta' Abileni,

2fiż-żmien meta l-uffiċċju ta' qassis il-kbir kien f'idejn Anna u Kajfa, il-kelma tal-Mulej ġiet fuq Ġwanni bin Żakkarija, fid-deżert.

3U ġie fl-inħawi kollha ta' madwar il-Ġordan, ixandar magħmudija ta' ndiema għall-maħfra tad-dnubiet,

4kif hemm imniżżel fil-ktieb tal-profeziji ta' Isaija: 'Leħen ta' wieħed jgħajjat fid-deżert: Ħejju t-triq tal-Mulej, iddrittaw il-mogħdijiet tiegħu.

5 Kull wied jimtela, kull muntanja u għolja titbaxxa, il-mogħdijiet mgħawġa jiddrittaw, u t-triqat imħarbta jitwittew.

6 U l-bnedmin kollha jaraw is-salvazzjoni ta' Alla.'

7In-nies kienu jmorru bi ħġarhom għand Ġwanni biex jgħammidhom, u huwa kien jgħidilhom: "Ja nisel il-lifgħat, min uriekom x'għandkom tagħmlu biex taħarbu l-korla li ġejja?

8Mela uru frott li jixraq lill-indiema, u toqogħdux tgħidu lilkom infuskom: 'Għandna b'missier lil Abraham,' għax ngħidilkom li Alla, minn dan l-istess ġebel, jista' jqajjem ulied lil Abraham.'

9Il-mannara ġa qiegħda ma' għerq is-siġra, u għalhekk kull siġra li ma tagħmilx frott tajjeb titqaċċat u tinxteħet fin-nar."

10In-nies kienu jistaqsuh u jgħidulu: "Mela x'għandna nagħmlu?"

11U huwa kien iweġibhom: "Min għandu żewġ ilbiesi, jaqsam ma' min ma għandu xejn, u min għandu x'jiekol jagħmel l-istess."

12Resqu wkoll xi pubblikani biex jitgħammdu u qalulu: "Mgħallem, x'għandna nagħmlu aħna?"

13U huwa weġibhom: "Tissikkaw lil ħadd biex jagħtikom taxxi iżjed milli jmisskom tieħdu."


© 2020 Malta Bible Society.

14Staqsewh ukoll xi suldati u qalulu: "U aħna, x'għandna nagħmlu?" U huwa
weġibhom: "Tisirqu lil ħadd bit-tehdid jew bil-qerq tagħkom, u kkuntentaw
ruħkom bil-paga li għandkom."

15Il-poplu kien qiegħed jistenna ħerqan, u kulħadd kien jistaqsi lilu nnifsu dwar
Ġwanni, jekk kienx hu l-Messija.

16Għalhekk Ġwanni qabad u qal lil kulħadd: "Jien, ngħid għalija, ngħammidkom
bl-ilma, imma ġej wieħed aqwa minni, li ma jistħoqqlix inħollu l-qfieli tal-qorq
tiegħu. Hu jgħammidkom bl-Ispirtu s-Santu u n-nar.

17Il-midra qiegħda f'idu, biex iderri l-qiegħa u jiġbor il-qamħ fil-maħżen tiegħu,
imma t-tiben jaħarqu b'nar li ma jintefiex."

18U b'ħafna twissijiet oħra kien ixandar lill-poplu l-bxara t-tajba.

19Iżda meta widdeb lil Erodi t-tetrarka billi kien qed jgħix ma' Erodja, mart ħuh,
u minħabba l-ħażen kollu li kien għamel,

20Erodi kompla jżid ma' ħtijietu u għalaq lil Ġwanni fil-ħabs.

### Il-magħmudija ta' Ġesù

(Mt 3,13-17; Mk 1,9-11)

21Ġara li, wara li tgħammed il-poplu kollu, Ġesù tgħammed ukoll u, waqt li kien
qiegħed jitlob, is-smewwiet infetħu,

22u niżel l-Ispirtu s-Santu u deher fuqu fis-sura ta' ħamiema. U mis-sema ġie
leħen jgħid: "Inti Ibni l-għażiż; fik sibt l-għaxqa tiegħi."

### L-antenati ta' Ġesù Kristu

(Mt 1,1-17)

23Fil-bidu tal-ministeru tiegħu Ġesù kellu madwar it-tletin sena. In-nies kienu
jaħsbuh bin Ġużeppi, li kien bin Għeli,

24bin Mattat, bin Levi, bin Melki, bin Ġannaj, bin Ġużeppi,

25bin Mattatija, bin Għamos, bin Naħum, bin Ħesli, bin Naggaj,

26bin Maħat, bin Mattatija, bin Simgħi, bin Ġosè, bin Ġoda,

27bin Ġoħanan, bin Resa, bin Żorobabel, bin Salatjel, bin Neri,

28bin Melki, bin Għaddi, bin Kosam, bin Elmadan, bin Għer,

29bin Ġożwè, bin Eligħeżer, bin Ġorim, bin Mattat, bin Levi,

30bin Simgħon, bin Ġuda, bin Ġużeppi, bin Ġona, bin Eljakim,

31bin Melija, bin Menna, bin Mattata, bin Natan, bin David,

32bin Ġesse, bin Għobed, bin Bogħaż, bin Sala, bin Naħson,


© 2020 Malta Bible Society.

33bin Għamminadab, bin Admin, bin Arni, bin Hesron, bin Fares, bin Ġuda,

34bin Ġakobb, bin Iżakk, bin Abraham, bin Teraħ, bin Naħor,

35bin Serug, bin Regħu, bin Faleg, bin Għeber, bin Selaħ,

36bin Kajnan, bin Arfaksad, bin Sem, bin Noè, bin Lamek,

37bin Metuselaħ, bin Henok, bin Ġered, bin Maħalalel, bin Kajnan,

38bin Enos, bin Set, bin Adam, bin Alla.

## Luqa 4

### It-tiġrib ta’ Ġesù fid-deżert

(Mt 4,1-11; Mk 1,12-13)

1Ġesù, mimli bl-Ispirtu s-Santu, raġa’ lura mill-Ġordan u l-Ispirtu ħadu fid-
deżert.

2Hemm għal erbgħin jum Ġesù kien imġarrab mix-Xitan. Matul dawk il-jiem ma
kiel xejn; u mbagħad, meta għaddew dawk il-jiem, ħadu l-ġuħ.

3U x-Xitan qallu: “Jekk inti Bin Alla, għid lil din il-ġebla ssir ħobż.”

4Wieġbu Ġesù: “Hemm miktub li ‘l-bniedem mhux bil-ħobż biss jgħix.’ ”

5Imbagħad ix-Xitan ħadu fl-għoli u wrieh is-saltniet tad-dinja kollha f’daqqa.

6Qallu x-Xitan: “Nagħtik is-setgħa fuq dawn kollha, bil-glorja tagħhom ukoll
għax hija ngħatat lili, u jiena nagħtiha lil min irrid.

7Jekk tinxteħet quddiemi tagħtini qima, kollha tiegħek tkun.”

8Ġesù wieġbu u qallu: “Hemm miktub, ‘Lill-Mulej Alla tiegħek tagħti qima, u lilu
biss taqdi.’ ”

9Imbagħad ix-Xitan ħadu Ġerusalemm, qiegħdu fuq il-quċċata tat-tempju, u
qallu: “Jekk inti Bin Alla, inxteħet minn hawn għal isfel.

10Għax hemm miktub li ‘Lill-anġli tiegħu jordnalhom biex jieħdu ħsiebek
sewwa,’

11u li ‘fuq idejhom jerfgħuk, ħalli ma taħbatx riġlek ma’ xi ġebla.’ ”

12Wieġeb Ġesù u qallu: “Jingħad, ‘Iġġarrabx lill-Mulej Alla tiegħek.’ ”

13Imbagħad ix-Xitan meta temm dan it-tiġrib kollu, telaq minn ħdejh sa ma
wasal il-waqt.

### Il-bidu tal-ministeru ta’ Ġesù fil-Galilija

(Mt 4,12-17; Mk 1,14-15)

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

14Ġesù, bil-qawwa tal-Ispirtu, reġa' mar il-Galilija; u l-fama tiegħu xterdet ma'
dawk l-inħawi kollha,

15għax hu kien jgħallem fis-sinagogi tagħhom fost it-tifħir ta' kulħadd.

### In-nies ta' Nazaret ma jilqgħux lil Ġesù
(Mt 13,53-58; Mk 6,1-6)

16U ġie Nazaret fejn kien trabba. Daħal fis-sinagoga tagħhom, kif kien imdorri
jagħmel nhar ta' Sibt, u qam biex jaqra.

17Tawh f'idejh il-ktieb ta' Isaija l-profeta, fetħu u sab fejn kien hemm miktub
dan li ġej:

18 'L-Ispirtu tal-Mulej fuqi, għax hu kkonsagrani. Bagħatni nħabbar il-ħelsien
lill-imjassrin, inwassal il-bxara t-tajba lill-fqajrin, u d-dawl mill-ġdid lill-
għomja, irrodd il-ħelsien lill-maħqurin

19 u nxandar sena tal-grazzja tal-Mulej.'

20Imbagħad raġa' għalaq il-ktieb, tah lura lill-qaddej u qagħad bilqiegħda.
Għajnejn kulħadd fis-sinagoga kienu msammra fuqu.

21U beda jgħidilhom: "Din il-kitba seħħet illum, intom u tisimgħu."

22U lkoll laqgħu kliemu u stagħġbu għall-kliem mimli ħlewwa li kien ħiereġ
minn fommu u bdew jgħidu: "Dan m'huwiex bin Ġużeppi?"

23Iżda hu qalilhom: "Żgur li se tgħidu għalija dan il-proverbju, 'Tabib, fejjaq lilek
innifsek; dak kollu li smajna li ġara f'Kafarnahum agħmlu hawn f'pajjiżek ukoll."

24U żied jgħidilhom: "Tassew, ngħidilkom, ebda profeta ma jilqgħuh tajjeb
f'pajjiżu.

25Għax, ngħidilkom is-sewwa, kien hemm bosta romol f'Iżrael fi żmien Elija
meta s-sema baqa' tliet snin u sitt xhur magħluq u waqa' ġuħ kbir fil-pajjiż kollu;

26madankollu għand ħadd minnhom ma ntbagħat Elija, imma għand waħda
armla minn Sarefta ta' Sidon.

27U kien hemm bosta lebbrużi f'Iżrael fi żmien il-profeta Eliżew, imma ħadd
minnhom ma ġie mfejjaq ħlief Nagħman tas-Sirja."

28Meta semgħu dan fis-sinagoga kulħadd imtela bil-korla;

29qamu, u ħarġuh 'il barra mill-belt, ħaduh fuq xifer ta' rdum tal-għolja li fuqha
kienet mibnija l-belt tagħhom, u riedu jixħtuh minn hemm fuq għal isfel.

30Iżda hu għadda minn ġo nofshom u baqa' sejjer.

### Ir-raġel bi spirtu ħażin
(Mk 1,21-28)

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

31 Niżel Kafarnahum, belt tal-Galilija, u f'jum is-Sibt qagħad jgħallem lin-nies,

32 li baqgħu mistagħġba bil-mod tat-tagħlim tiegħu, għax id-diskors tiegħu kien ta' wieħed li għandu s-setgħa.

33 U kien hemm raġel fis-sinagoga li kellu fih spirtu ta' xitan imniġġes, u qabad jgħajjat b'leħen għoli:

34 "Ah! x'għandna x'naqsmu, Ġesù ta' Nazaret? Ġejt biex teqridna? Jiena naf min int: il-Qaddis ta' Alla!"

35 Imma Ġesù widdbu bis-sħiħ u qallu: "Iskot, u oħroġ minnu!" Imbagħad l-ispirtu xeħtu fin-nofs u ħareġ minnu bla ma għamillu ħsara.

36 U kulħadd stagħġeb, u bdew jistaqsu wieħed lil ieħor u jgħidu: "Dan xi kliem hu? Għax hu jordna b'setgħa u qawwa lill-ispirti mniġġsa u huma joħorġu!"

37 U l-fama tiegħu xterdet ma' kullimkien f'dawk l-inħawi kollha.

### Ġesù jfejjaq ħafna nies

(Mt 8,14-17; Mk 1,29-34)

38 Ġesù qam u telaq mis-sinagoga, u daħal għand Xmun. Issa omm il-mara ta' Xmun kellha fuqha deni qawwi, u talbuh jgħinha.

39 Resaq fuqha, ordna lid-deni, u d-deni ħallieha. U minnufih qamet u bdiet isservihom.

40 Hija u nieżla x-xemx, dawk kollha li kellhom il-morda, kien x'kien il-mard tagħhom, ħaduhomlu quddiemu. Hu qiegħed idejh fuq kull wieħed minnhom u fejjaqhom.

41 Minn ħafna nies bdew joħorġu wkoll ix-xjaten, jgħajtu u jgħidu: "Inti Bin Alla!" Iżda hu kien jheddidhom u ma ħallihomx jitkellmu, għax huma kienu jafu li hu l-Messija.

### Ġesù jdur il-Lhudija u jippriedka

(Mk 1,35-39)

42 Meta sebaħ, ħareġ u mar f'post imwarrab. In-nies bdew ifittxuh u marru ħdejh u riedu jżommuh biex ma jitlaqx minn ħdejhom.

43 Iżda hu qalilhom: "Jeħtieġli nxandar l-Evanġelju tas-Saltna ta' Alla lill-ibliet l-oħra wkoll, għax għalhekk kont mibgħut."

44 U kien jippriedka fis-sinagogi tal-Lhudija.

## Luqa 5

### Ġesù jsejjaħ l-ewwel dixxipli

(Mt 4,18-22; Mk 1,16-20)

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

1Darba l-kotra bdiet tross fuqu biex tisma' l-kelma ta' Alla. Hu kien qiegħed
f'xatt l-għadira ta' Ġennesaret.

2U ra żewġ dgħajjes qegħdin max-xatt; is-sajjieda kienu niżlu minn fuqhom u
kienu qegħdin jaħslu x-xbiek.

3Tela' fuq waħda minnhom, li kienet ta' Xmun, u talbu jaqla' kemmxejn 'il barra
mill-art; imbagħad qagħad bilqiegħda u beda jgħallem lin-nies mid-dgħajsa.

4Meta temm li kellu jgħid, qal lil Xmun: "Aqdef 'il barra fil-fond, u kalaw ix-xbiek
tagħkom għas-sajd."

5Wieġbu Xmun u qallu: "Mgħallem, għamilna lejl sħiħ nitħabtu u ma qbadna
xejn. Imma, la qiegħed tgħid int, ħa nkala x-xbiek."

6Hekk għamlu, u qabdu kotra hekk kbira ta' ħut li x-xbiek tagħhom kien għoddu
nqasam.

7Għalhekk għamlu sinjal lil sħabhom li kienu fid-dgħajsa l-oħra biex jiġu
jgħinuhom. Dawk ġew, u mlew iż-żewġ dgħajjes hekk li għal ftit ma għerqux.

8Xmun Pietru, kif ra dan, inxteħet f'riġlejn Ġesù u qallu: "Tbiegħed minni, Mulej,
għaliex jiena raġel midneb!"

9Għax baqgħu tassew mistagħġba, kemm hu u kemm dawk kollha li kienu
miegħu, għal dik il-qabda ħut li qabdu.

10U hekk ukoll ġralhom Ġakbu u Ġwanni, ulied Żebedew, li kienu sħab Xmun.
Imbagħad Ġesù qal lil Xmun: "Tibżax; minn issa 'l quddiem tkun taqbad in-nies."

11Meta mbagħad ressqu d-dgħajjes mal-art, telqu kollox u marru warajh.

## Ġesù jfejjaq wieħed lebbruż

(Mt 8,1-4; Mk 1,40-45)

12Darba kien qiegħed f'belt. U jkun hemm raġel marid sewwa bil-lebbra; kif ra
lil Ġesù, mar u nxteħet wiċċu fl-art quddiemu jitolbu u jgħidlu: "Mulej, jekk trid,
tista' tfejjaqni."

13Ġesù medd idu fuqu, messu u qallu: "Iva, irrid; kun imfejjaq," u minnufih il-
lebbra marritlu.

14Ġesù widdbu u qallu: "Qis li ma tgħid xejn lil ħadd. Iżda mur uri ruħek lill-
qassis, u agħmel offerta għall-fejqan tiegħek, kif ordna Mosè, biex hekk
tagħtihom xhieda li inti fiqt."

15Il-fama tiegħu bdiet aktar tixtered, u folol kbar ta' nies kienu jmorru biex
jisimgħuh u jfejjaqhom mill-mard tagħhom.

16Iżda hu kien ifittex xi mkien imwarrab u jinġabar fit-talb.

## Ġesù jfejjaq wieħed mifluġ


© 2020 Malta Bible Society.

(Mt 9,1-8; Mk 2,1-12)

17 Jum fost l-oħrajn Ġesù kien qiegħed jgħallem. Kien hemm bilqiegħda madwaru xi Fariżej u għorrief tal-Liġi li kienu ġew mill-irħula kollha tal-Galilija u l-Lhudija u minn Ġerusalemm. Il-qawwa tal-Mulej kienet fih biex ifejjaq.

18 U ġew xi rġiel iġorru wieħed mifluġ fuq mitraħ; huma bdew ifittxu li jdaħħluh ġewwa u jqegħduhulu quddiemu,

19 iżda minħabba l-folla ma sabux minn fejn setgħu jidħlu bih. Għalhekk telgħu fuq il-bejt, u niżżluh bil-mitraħ b'kollox minn bejn ix-xorok f'nofs in-nies quddiem Ġesù.

20 Meta hu ra l-fidi tagħhom, qallu: "Ħabib, dnubietek maħfura."

21 Il-kittieba u l-Fariżej qabdu jaħsbu u jgħidu bejnhom u bejn ruħhom: "Dan min hu biex jitkellem hekk? Din dagħwa! Għax min jista' jaħfirhom id-dnubiet ħlief Alla waħdu?"

22 Imma Ġesù għaraf ħsibijiethom, u qalilhom: "Għaliex qegħdin taħsbu hekk f'qalbkom?

23 X'inhu l-eħfef, tgħid 'Dnubietek maħfura' jew tgħid 'Qum u imxi'?

24 Mela biex tkunu tafu li Bin il-bniedem għandu s-setgħa jaħfer id-dnubiet fuq l-art" - qal lill-mifluġ: "Qum, qiegħed ngħidlek, aqbad friexek u mur lejn darek."

25 U dak minnufih qam quddiemhom, qabad il-friex li fuqu kien mixħut, u telaq lejn id-dar ifaħħar lil Alla.

26 U lkoll baqgħu mistagħġba u bdew ifaħħru lil Alla; u mtlew bil-biża' u bdew jgħidu: "Rajna ħwejjeġ tal-għaġeb illum!"

### Is-sejħa ta' Levi

(Mt 9,9-13; Mk 2,13-17)

27 Wara dan, ħareġ u lemaħ wieħed pubblikan, jismu Levi, bilqiegħda quddiem il-mejda tat-taxxi, u qallu: "Ejja warajja."

28 Dak telaq kollox, qam u mar warajh.

29 Imbagħad Levi għamillu laqgħa kbira f'daru stess, u kien hemm magħhom fuq il-mejda kotra kbira ta' pubblikani u nies oħra.

30 Il-Fariżej u l-kittieba sħabhom bdew igemgmu mad-dixxipli tiegħu, u qalulhom: "Dan l-għala tieklu u tixorbu mal-pubblikani u l-midinbin?"

31 U Ġesù weġibhom: "Mhux dawk li huma f'saħħithom għandhom bżonn it-tabib, iżda l-morda.

32 Jien mhux lill-ġusti ġejt insejjaħ, iżda lill-midinbin għall-indiema."

### Mistoqsija fuq is-sawm

(Mt 9,14-17; Mk 2,18-22)

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

33Iżda huma qalulu: "Id-dixxipli ta' Ġwanni sikwit isumu u joqogħdu jitolbu, u
dawk tal-Fariżej ukoll, imma tiegħek jieklu u jixorbu!"

34U Ġesù qalilhom: "Jaqaw tistgħu ġġagħlu lill-ħbieb tal-għarus isumu sakemm
l-għarus ikun għadu magħhom?

35Imma għad jasal iż-żmien meta l-għarus jeħduhulhom minn magħhom, u
mbagħad isumu dakinhar."

36Qalilhom ukoll parabbola: "Ħadd ma jaqta' biċċa drapp minn libsa ġdida biex
biha jraqqa' waħda qadima, għax inkella mhux biss ikun qatta' l-ġdida, imma
anqas il-biċċa meħuda mill-ġdida ma tkun taqbel mal-qadima.

37Anqas ma jqiegħdu l-inbid il-ġdid f'damiġġani qodma tal-ġild, għax inkella l-
inbid il-ġdid jifqa' d-damiġġani, u jixtered hu u jintilfu d-damiġġani.

38Iżda nbid ġdid iqegħduh f'damiġġani ġodda.

39U ħadd ma jkun irid mill-inbid ġdid wara li jkun xorob mill-qadim, għax
jgħidlek, 'Il-qadim tajjeb!' "

## Luqa 6

### Id-dixxipli jaqtgħu s-sbul is-Sibt

(Mt 12,1-8; Mk 2,23-28)

1Ġara li darba s-Sibt kien għaddej minn għalqa miżrugħa, u d-dixxipli tiegħu
bdew jaqtgħu s-sbul, ifarrkuh b'idejhom u jikluh.

2Xi wħud mill-Fariżej qalulhom: "Dan kif qegħdin tagħmlu dak li ma jiswiex
nhar ta' Sibt?"

3Qabeż Ġesù u weġibhom: "Anqas dan ma qrajtu, x'għamel David meta ħadu l-
ġuħ, huwa u dawk li kienu miegħu?

4Ma qrajtux kif daħal fid-dar ta' Alla u ħa l-ħobż tal-preżenza ta' quddiem il-
Mulej, u kiel minnu hu u ta lil dawk li kienu miegħu? U madankollu ħadd ma
kien jista' jiekol minnu ħlief il-qassisin biss!"

5U qalilhom: "Bin il-bniedem huwa sid is-Sibt ukoll."

### Ir-raġel b'idu niexfa

(Mt 12,9-14; Mk 3,1-6)

6F'Sibt ieħor daħal fis-sinagoga u qagħad jgħallem. Kien hemm raġel li kellu idu
l-leminija niexfa.

7Il-kittieba u l-Fariżej kienu moħħhom fih biex jaraw jekk ifejjaqx f'jum is-Sibt,
ħalli b'hekk isibu fuqiex jixluh.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

8Iżda hu għaraf ħsibijiethom, u qal lir-raġel li kellu idu niexfa: "Qum, u oħroġ
fin-nofs." Dak qam u ħareġ fin-nofs.

9U qalilhom Ġesù: "Ha nistaqsikom ħaġa: X'jiswa nhar ta' Sibt, tagħmel il-ġid
jew tagħmel id-deni? Issalva ħajja jew teqridha?"

10U xeħet ħarsa madwaru fuqhom ilkoll, u qal lir-raġel: "Midd idek." Hekk
għamel dak, u idu reġgħet saritlu qawwija u sħiħa.

11Iżda huma xegħlu bil-korla, u bdew jiddiskutu bejniethom x'se jagħmlu
b'Ġesù.

### Ġesù jagħżel it-Tnax
(Mt 10,1-4; Mk 3,13-19)

12Mela darba fost l-oħrajn ħareġ lejn l-għoljiet biex jitlob, u għadda l-lejl fit-talb
lil Alla.

13Meta sebaħ, sejjaħ lejh id-dixxipli tiegħu u minnhom għażel tnax, li
semmiehom appostli:

14Xmun, li semmieh Pietru, u ħuh Indrì, Ġakbu, Ġwanni, Filippu, Bartilmew,

15Mattew, Tumas, Ġakbu ta' Alfew, Xmun l-Imħeġġeġ,

16Ġuda ta' Ġakbu u Ġuda l-Iskarjota, li mbagħad ittradieh.

### Ġesù jgħin u jaqdi folol kbar
(Mt 4,23-25; Mk 3,7-12)

17Imbagħad niżel magħhom u waqaf f'wita, flimkien ma' kotra kbira ta' dixxipli
u folla kbira ta' nies minn kull naħa tal-Lhudija u Ġerusalemm u mix-xtajta ta'
Tir u Sidon.

18Dawn kienu marru biex jisimgħuh u jfejjaqhom mill-mard tagħhom. Min kien
imħabbat mill-ispirti mniġġsa kien ifiq;

19u l-kotra kienet tfittex li tmissu, għax minnu kienet toħroġ qawwa li tfejjaq lil
kulħadd.

### Hena veru u hena qarrieq
(Mt 5,1-12)

20Ġesù rafa' għajnejh lejn id-dixxipli tiegħu u qal: "Henjin intom il-foqra, għax
tagħkom hija s-Saltna ta' Alla.

21Henjin intom li għalissa bil-ġuħ, għax għad tkunu mxebbgħin. Henjin intom li
għalissa tibku, għax għad tithennew.

22Henjin intom meta minħabba Bin il-bniedem in-nies jobogħdukom,
jaqtgħukom minn magħhom, jgħajrukom u jwarrbu isimkom bħallikieku kien
xi ħaġa ħażina.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

23Dakinhar li jiġrilkom hekk, ifirħu u aqbżu bil-ferħ, għax araw, ħlaskom kbir ikun fis-sema. L-istess għamlu missirijiethom lill-profeti.

24Imma ħażin għalikom, intom l-għonja, għax il-faraġ tagħkom ħadtuh.

25Ħażin għalikom intom li għalissa mxebbgħin, għax għad tkunu bil-ġuħ. Ħażin għalikom intom li għalissa tidħku, għax għad tnewħu u tibku.

26Ħażin għalikom meta kulħadd isemmikom fil-ġid. Għax l-istess għamlu missirijiethom lill-profeti foloz!

## L-imħabba tal-għedewwa

(Mt 5,38-48; 7,12a)

27"Imma lilkom, li qegħdin tisimgħuni, ngħidilkom: "Ħobbu l-għedewwa tagħkom, agħmlu l-ġid lil min jobgħodkom,

28bierku lil min jisħetkom, itolbu għal min iżeblaħkom.

29Min jagħtik bil-ħarta fuq naħa waħda, dawwarlu wiċċek ħalli jagħtik fuq in-naħa l-oħra; min jeħodlok il-mantar, anqas il-libsa ma għandek tiċħadlu.

30Agħti lil kull min jitolbok; u min jeħodlok xi ħaġa tiegħek, titlobhilux lura.

31Kif tridu li l-bnedmin jagħmlu lilkom, hekk ukoll agħmlu intom lilhom.

32Jekk intom tħobbu lil min iħobbkom, xi ħlas jista' jkollkom? Għax il-midinbin ukoll iħobbu lil min iħobbhom.

33U jekk tagħmlu l-ġid lil min jagħmel il-ġid lilkom, xi ħlas jista' jkollkom? Għax dan jagħmluh saħansitra l-midinbin.

34U jekk tisilfu xi ħaġa lil min tistennewh iroddhielkom lura, xi ħlas jista' jkollkom? Il-midinbin ukoll jisilfu lill-midinbin, bil-ħsieb li jieħdu lura daqshekk ieħor mingħandhom.

35Imma intom ħobbu l-għedewwa tagħkom, agħmlu l-ġid, isilfu bla ma tistennew xi ħaġa lura, u l-ħlas tagħkom ikun kbir; u tkunu wlied Alla l-Għoli, li hu tajjeb mal-ingrati u l-ħżiena.

36Ħennu, bħalma hu ħanin Missierkom.

## Tiġġudikawx

(Mt 7,1-5)

37"Tiġġudikawx, u ma tkunux iġġudikati; tikkundannawx, u ma tkunux ikkundannati; aħfru, u ssibu l-maħfra;

38agħtu, u jingħatalkom. Kejl tajjeb, marsus, mheżeż sewwa u mburġat iqegħdulkom f'ħoġorkom; għax bl-istess kejl li tkejlu intom jitkejjel lilkom."

39Qalilhom parabbola: "Jista' agħma jmexxi agħma ieħor? Mhux it-tnejn jaqgħu fil-ħofra?

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

40Id-dixxiplu m'huwiex aqwa mill-imgħallem tiegħu; imma kull min itemm it-taħriġ tiegħu jsir bħall-imgħallem tiegħu.

41Għax tara t-tibna f'għajn ħuk, u ma tarax it-travu li għandek f'għajnek int?

42Kif tista' tgħidlu lil ħuk, 'Hi, ejja nneħħilek it-tibna li għandek f'għajnek', meta m'intix tara t-travu li għandek f'għajnek int? Ja wiċċ b'ieħor, neħħi l-ewwel it-travu minn għajnek int, ħalli mbagħad tara sewwa kif tneħħi t-tibna minn għajn ħuk.

### Is-siġra tingħaraf mill-frott
(Mt 7,16-20; 12,34b-35)

43"Ma hemmx siġra tajba li tagħmel frott ħażin, kif anqas ma hemm siġra ħażina li tagħmel frott tajjeb.

44Kull siġra mill-frott tagħha tingħaraf. Hadd ma jiġbor it-tin mix-xewk, anqas l-għeneb mill-għolliq.

45Il-bniedem tajjeb mit-teżor tajjeb ta' qalbu joħroġ it-tajjeb, u l-bniedem ħażin mit-teżor ħażin tiegħu joħroġ il-ħażin, għax mill-abbundanza tal-qalb jitkellem il-fomm.

### Sisien tajba u sisien ħżiena
(Mt 7,24-27)

46"Għaliex issejħuli, 'Mulej,' u mbagħad ma tagħmlux dak li ngħid jien?

47Kull min jiġi għandi u jisma' kliemi u jagħmel dak li ngħid jien, ħa ngħidilkom lil min jixbah.

48Jixbah lil wieħed li ried jibni dar, ħaffer fil-fond sa ma sab il-blat, u fuqu qiegħed is-sisien. Imbagħad għamlet xita bil-qliel, il-wied niżel b'qawwa kbira għal fuq dik id-dar, imma ma setax jheżiżha, għax kienet mibnija tajjeb.

49Iżda min jisma' kliemi u ma jagħmilx li ngħid jien, jixbah lil wieħed li jkun bena daru fuq l-art mingħajr ma qiegħed sisien. Il-wied niżel b'qawwa kbira għal fuqha u minnufih iġġarrfet, u saret ħerba kbira minn dik id-dar!"

## Luqa 7

### Ġesù jfejjaq qaddej ta' ċenturjun
(Mt 8,5-13; Ġw 4,46-54)

1Meta spiċċa jgħid lin-nies kulma kellu jgħidilhom, daħal Kafarnahum.

2U jkun hemm ċenturjun li kellu qaddej għażiż ħafna għalih, li kien marid u wasal fl-aħħar.

3Iċ-ċenturjun sama' b'Ġesù u bagħatlu xi wħud mix-xjuħ tal-Lhud biex jitolbuh jiġi jfejjaqlu l-qaddej.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

4Dawk marru quddiem Ġesù u bdew jitolbuh b'ħerqa kbira u jgħidulu: "Jixraqlu
li tagħmillu dan,

5għax hu jgħożż il-ġens tagħna, u kien hu li bnielna s-sinagoga."

6Ġesù mar magħhom, u ma kienx 'il bogħod wisq mid-dar meta ċ-ċenturjun
bagħat jgħidlu ma' xi ħbieb: "Sinjur, toqgħodx tinqala', għax jien ma jistħoqqlix
li tidħol taħt is-saqaf tiegħi;

7għalhekk ħassejt li anqas kien jistħoqqli niġi nsibek jiena stess. Iżda int ordna
b'kelma, u l-qaddej tiegħi jfiq.

8Għax jien ukoll bniedem taħt is-setgħa ta' ħaddieħor, u jiena stess għandi
suldati taħt il-kmand tiegħi; lil wieħed ngħidlu, 'Mur,' u jmur; lil ieħor ngħidlu,
'Ejja,' u jiġi; u lill-qaddej ngħidlu, 'Agħmel dan,' u jagħmlu."

9Ġesù baqa' mistagħġeb bih meta sama' dan; dar lejn in-nies li kienu miexja
warajh u qalilhom: "Ngħidilkom li anqas f'Iżrael ma sibt fidi bħal din!"

10Meta mbagħad dawk li kienu mibgħuta reġgħu lura d-dar, sabu l-qaddej
qawwi u sħiħ.

### Ġesù jqajjem lil bin l-armla ta' Najn mill-mewt

11Wara dan imbagħad mar f'belt jisimha Najn, u marru miegħu d-dixxipli tiegħu
u kotra kbira ta' nies.

12Kif wasal qrib il-bieb tal-belt, kienu qegħdin iġorru wieħed mejjet li ommu,
mara armla, ma kellhiex ħliefu; u magħha kien hemm għadd ġmielu ta' nies mill-
belt.

13Kif raha l-Mulej tħassarha. "Tibkix," qalilha.

14Resaq, u mess it-tebut. Dawk li kienu qegħdin jerfgħuh waqfu. U hu qal:
"Żagħżugħ, qiegħed ngħidlek, qum!"

15U l-mejjet qam bilqiegħda u beda jitkellem. U Ġesù tah lil ommu.

16In-nies kollha tkexkxu bil-biża', u bdew jagħtu glorja lil Alla u jgħidu: "Profeta
kbir qam fostna," u, "Alla żar il-poplu tiegħu."

17U dan il-kliem li qalu xtered mal-Lhudija u dawk l-inħawi kollha.

### Il-messaġġiera ta' Ġwanni l-Battista

(Mt 11,2-19)

18Id-dixxipli ta' Ġwanni marru jwasslulu dan kollu. Hu sejjaħ tnejn minnhom
maġenbu,

19u bagħathom għand il-Mulej biex jistaqsuh: "Inti huwa dak li għandu jiġi, jew
nistennew lil ħaddieħor?"

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

20Kif dawk it-tnejn waslu ħdejh qalulu: "Ġwanni l-Battista bagħatna għandek biex nistaqsuk: Inti huwa dak li għandu jiġi, jew nistennew lil ħaddieħor?"

21Dak il-ħin stess Ġesù fejjaq ħafna nies mill-mard, mit-tbatijiet u mill-ispirti ħżiena, u lil bosta għomja għoġbu jagħtihom id-dawl.

22Imbagħad wieġeb u qalilhom: "Morru agħtu lil Ġwanni l-aħbar ta' dak li rajtu u smajtu; kif l-għomja qegħdin jerġgħu jaraw, iz-zopop jimxu, il-lebbrużi jfiqu, it-torox jisimgħu, il-mejtin iqumu, u kif il-bxara t-tajba qiegħda tixxandar lill-fqar.

23Hieni hu min ma jitfixkilx minħabba fija!"

24Xħin il-messaġġiera ta' Ġwanni telqu, Ġesù qabad ikellem lin-nies fuq Ġwanni: "Xi ħriġtu taraw fid-deżert? Qasba tixxejjer mar-riħ?

25Imma intom xi ħriġtu taraw? Raġel liebes l-ilbies fin? Dawk li jilbsu sabiħ, u jgħixu fit-tlellix, fil-palazzi tas-slaten issibhom!

26Mela għalfejn ħriġtu? Biex taraw profeta? Iva, ngħidilkom, anzi xi ħaġa iżjed minn profeta.

27Dan hu li fuqu hemm miktub, 'Ara, jiena nibgħat qablek il-messaġġier tiegħi biex iħejjilek it-triq quddiemek.'

28Ngħidilkom, li fost ulied in-nisa ma hemm ħadd akbar minn Ġwanni. U b'danakollu l-iżgħar wieħed fis-Saltna ta' Alla hu akbar minnu."

29Meta semgħu dan, il-poplu kollu u sa l-istess pubblikani għarfu l-ġustizzja ta' Alla, billi tgħammdu bil-magħmudija ta' Ġwanni.

30Imma l-Fariżej u l-għorrief tal-Liġi ġiebu fix-xejn il-pjan li Alla kien fassal għalihom, ladarba ma laqgħux il-magħmudija ta' Ġwanni.

31"Ma' min, mela, se nxebbahhom in-nies ta' dan iż-żmien? Lil min jixbhu?

32Jixbhu lil qabda tfal bilqiegħda fil-pjazza, jgħajtu lil xulxin u jgħidu, 'Daqqejnielkom il-flawt u ma żfintux, għannejnielkom għanja ta' niket u ma ħabbattux fuq sidirkom!'

33Għax tassew, ġie Ġwanni l-Battista, la jiekol ħobż u lanqas jixrob inbid, u intom tgħidu li 'għandu fih xitan'.

34Ġie Bin il-bniedem, jiekol u jixrob, u tgħidu, 'Araw, xi bniedem wikkiel u sakranazz, ħabib tal-pubblikani u l-midinbin!'

35Imma l-ulied ta' Alla kollha taw raġun lill-għerf tiegħu."

### Ġesù għand Xmun il-Fariżew

36Wieħed mill-Fariżej stieden lil Ġesù biex jiekol miegħu; Ġesù daħal għand il-Fariżew u qagħad għall-ikel.


© 2020 Malta Bible Society.

37Issa fil-belt kien hemm midinba magħrufa. Din saret taf li kien qiegħed għall-
ikel fid-dar tal-Fariżew; ġiebet vażett tal-alabastru biż-żejt ifuħ;

38u marret qagħdet warajh ħdejn riġlejh, tibki u xxarrablu riġlejh bi dmugħha
u tixxuttahomlu b'xuxitha; imbagħad bisitlu riġlejh u dilkithomlu biż-żejt ifuħ.

39Kif ra hekk il-Fariżew li stiednu qal bejnu u bejn ruħu: "Dan, li kien profeta,
kien ikun jaf min hi u x'mara hi din li qiegħda tmissu; kien ikun jaf, għax hi
midinba!"

40Imma Ġesù qabad u qallu: "Xmun, għandi ħaġa xi ngħidlek." "Għid, mgħallem,"
qallu dak.

41"Tnejn min-nies kellhom id-dejn ma' wieħed li jislef il-flus; wieħed kellu
jagħtih ħames mitt dinar u l-ieħor ħamsin.

42Minn fejn iħallsu dejnhom ma kellhomx, u hu ħafrilhom it-tnejn. Min
minnhom se jħobbu l-iżjed?"

43Wieġeb Xmun u qal: "Jidhirli jien li dak li ħafirlu l-iżjed." "Ħsibtha tajjeb," qallu
Ġesù.

44Imbagħad dar lejn il-mara u qal lil Xmun: "Qiegħed taraha lil din il-mara?
Dħalt għandek, u ilma għal riġlejja ma tajtnix, iżda hi riġlejja xarrbithomli bi
dmugħha u xxuttathomli b'xuxitha.

45Bewsa ma tajtnix, iżda hi minn xħin daħlet ma waqfitx tbusli riġlejja.

46Rasi ma dlikthilix biż-żejt, imma hi dilkitli riġlejja b'żejt ifuħ.

47Għalhekk ngħidlek li dnubietha, li kienu ħafna, inħafrulha, għax ħabbet ħafna;
imma min jinħafirlu ftit, ftit iħobb."

48Imbagħad qal lilha: "Dnubietek maħfura."

49Dawk li kienu fuq il-mejda miegħu bdew jgħidu fihom infushom: "Dan min hu
biex jaħfer id-dnubiet ukoll?"

50Iżda hu qal lill-mara: "Il-fidi tiegħek salvatek; mur bis-sliem."

## Luqa 8

### In-nisa twajba li marru wara Ġesù

1Wara dan huwa qagħad idur l-ibliet u r-rħula, jippriedka u jxandar l-Evanġelju
tas-Saltna ta' Alla. Kellu miegħu t-Tnax

2u xi nisa li kien fejjaqhom mill-ispirti ħżiena u mill-mard: Marija, li kienu
jgħidulha ta' Magdala, li minnha kienu ħarġu seba' xjaten,

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[3]Ġwanna, mart Ħusa, prokuratur ta' Erodi, Susanna, u ħafna oħrajn, li kienu jaqduhom minn ġidhom.

### Il-parabbola taż-żerriegħ

[4]Inġemgħet kotra kbira ta' nies li kienu ġejjin lejh minn kull belt, u hu qalilhom din il-parabbola:

[5]"Wieħed bidwi ħareġ jiżra' ż-żerriegħa li kellu. Huwa u jiżra', xi żerrigħat waqgħulu mal-mogħdija u ntrifsu, u l-għasafar tal-ajru naqqruhom kollha.

[6]Oħrajn waqgħu fuq il-blat, u nibtu u nixfu, għax tira ma kellhomx.

[7]Oħrajn waqgħu qalb ix-xewk, u x-xewk kiber magħhom u ħonoqhom.

[8]Oħrajn waqgħu f'art tajba, u nibtu u għamlu l-frott kull waħda mija." Kif qal dan, rafa' leħnu u qal: "Min għandu widnejn biex jisma', ħa jisma'!"

### L-iskop tal-parabboli
(Mt 13,10-17; Mk 4,10-12)

[9]Id-dixxipli tiegħu staqsewh x'kienet dik il-parabbola.

[10]U hu qalilhom: "Lilkom ingħata li tagħrfu l-misteri tas-Saltna ta' Alla, iżda lill-bqija bil-parabboli, biex iħarsu u ma jarawx, u jisimgħu u ma jifhmux.

### Ġesù jfisser il-parabbola taż-żerriegħ
(Mt 13,18-23; Mk 4,13-20)

[11]"Il-parabbola, mela, hija din; iż-żerriegħa hi l-kelma ta' Alla.

[12]Dawk ta' matul il-mogħdija huma dawk li jisimgħu, imbagħad jiġi x-Xitan u jaħtfilhom il-kelma minn qalbhom, li ma jmorrux jemmnu u jsalvaw.

[13]Dawk ta' fuq il-blat huma dawk li, meta jisimgħu l-kelma, jilqgħuha bil-ferħ, iżda billi ma jkollhomx għeruq jemmnu għal ftit taż-żmien, u meta jiġi fuqhom it-tiġrib jitilqu.

[14]Dawk li jaqgħu qalb ix-xewk huma dawk li jisimgħu, iżda aktar 'il quddiem l-inkwiet żejjed u l-għana u l-pjaċiri tal-ħajja joħonquhom u l-frott tagħhom ma jsirx.

[15]Imma dawk li jaqgħu f'art tajba huma dawk li jisimgħu l-kelma b'qalb tajba u sinċiera, jgħożżuha, u jagħmlu l-frott billi jżommu sħiħ.

### Il-parabbola tal-musbieħ
(Mk 4,21-22)

[16]"Ħadd ma jixgħel musbieħ u jgħattih b'għatu jew iqiegħdu taħt sodda, imma jqiegħdu fuq l-imnara, biex kull min jidħol ġewwa jara d-dawl.

[17]Għax ma hemm xejn moħbi li ma għadx jidher, u xejn ma hemm mistur li ma għadx jingħaraf u jinġieb għad-dawl.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

18Mela oqogħdu attenti kif tisimgħu! Għax min għandu, jingħatalu; u min ma għandux, jitteħidlu saħansitra dak li jaħseb li għandu."

### Omm Ġesù u ħutu
(Mt 12,46-50; Mk 3,31-35)

19Ġew għalih ommu u ħutu, iżda ma setgħux jersqu lejh minħabba l-folla.

20Xi ħadd qallu: "Ommok u ħutek qegħdin hawn barra u jridu jarawk."

21Iżda hu weġibhom: "Ommi u ħuti huma dawk li jisimgħu l-kelma ta' Alla u jagħmlu li jgħid Hu."

### Ġesù jsikket it-tempesta
(Mt 8,18.23-27; Mk 4,35-41)

22Darba fost l-oħrajn tela' fuq id-dgħajsa mad-dixxipli tiegħu u qalilhom: "Ejjew naqsmu għax-xatt l-ieħor tal-għadira." U qadfu 'l barra.

23Huma u sejrin, marret għajnu bih. U qam riefnu kbir fuq l-għadira, id-dgħajsa bdiet timtela bl-ilma, u sabu ruħhom f'qagħda mwiegħra.

24Għalhekk resqu lejh, qajmuh u qalulu: "Mgħallem, Mgħallem, se nintilfu!" Hu qam, ordna lir-riħ u lill-mewġ imqalleb, u dawn siktu u waqgħet il-kalma.

25U qal lid-dixxipli: "Fejn hi l-fidi tagħkom?" Qabadhom il-biża', u mistagħġba bdew jgħidu lil xulxin: "Dan min hu, mela, biex jordna saħansitra lill-irjieħ u lill-baħar u huma jisimgħu minnu!"

### Fejqan ta' raġel bi spirtu mniġġes
(Mt 8,28-34; Mk 5,1-20)

26Waslu x-xatt u niżlu fl-art tal-Gerasin li tiġi biswit il-Galilija.

27Huwa u nieżel l-art, resaq raġel minn dik il-belt, maħkum mix-xitan. Kien ilu żmien twil ma jxidd libsa fuqu, u ma kienx joqgħod id-dar, imma qalb l-oqbra.

28Kif lemaħ lil Ġesù qabad jgħajjat, inxteħet quddiemu u b'leħen qawwi qallu: "Aħna x'għandna x'naqsmu, Ġesù, Bin Alla l-Għoli? Nitolbok, taħqarnix!"

29Għax Ġesù kien ġa kkmanda lill-ispirtu mniġġes biex joħroġ minn dak il-bniedem. Għax bosta drabi kien jaħkmu, u n-nies kienu jorbtuh bil-ktajjen u bix-xkiel biex iżommuh, iżda hu kien iqaċċat l-irbit u x-xitan kien jimbuttah lejn id-deżert.

30Ġesù staqsieh: "X'jismek?" "Leġjun," qallu, għax ħafna xjaten kienu daħlu fih.

31U beda jitolbu biex ma jordnalhomx imorru fl-abbissi.

32Mela kien hemm merħla kbira ta' ħnieżer jirgħu fuq l-għolja, u l-ispirti talbuh biex iħallihom jidħlu fihom; u hu ħalliehom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

33U x-xjaten ħarġu minn dak il-bniedem u daħlu fil-ħnieżer. U l-merħla nxteħtet għal ġol-għadira mill-għoli tax-xaqliba u għerqet.

34Ir-rgħajja, meta raw x'ġara, ħarbu u marru jxerrdu l-aħbar mal-belt u l-irziezet.

35In-nies ħarġu jaraw x'ġara u marru ħdejn Ġesù, u lil dak ir-raġel li minnu kienu ħarġu x-xjaten sabuh bilqiegħda f'riġlejn Ġesù, liebes u moħħu f'sikktu; u qabadhom il-biża'.

36In-nies li raw x'ġara qalulhom kif Ġesù fejjaq lil dak li kien maħkum mix-xitan.

37Imbagħad in-nies kollha tal-inħawi ta' Gerasa bdew jitolbu lil Ġesù biex iwarrab minn ħdejhom, għax biża' kbir kien waqa' fuqhom. U hu tela' fuq id-dgħajsa u reġa' lura.

38Ir-raġel li minnu kienu ħarġu x-xjaten talbu biex jibqa' miegħu, iżda hu bagħtu u qallu:

39"Erġa' lura lejn id-dar u għarraf kulma għamel Alla miegħek." Dak telaq u xandar mal-belt kollha kulma kien għamel miegħu Ġesù.

### Bint Ġajru mqajma mill-mewt u l-mara mfejqa

(Mt 9,18-26; Mk 5,21-43)

40Meta raġa' lura Ġesù, il-kotra laqgħetu, għax kulħadd kien qiegħed jistennieh.

41U ġie wieħed, jismu Ġajru, li kien kap tas-sinagoga, inxteħet f'riġlejn Ġesù u talbu jasal wasla sa għandu,

42għax kienet qiegħda tmutlu bintu, tifla ta' xi tnax-il sena, li ma kellux ħliefha. Huwa u sejjer in-nies bdew irossu fuqu.

43U kien hemm mara, li kienet ilha tnax-il sena tbati bit-tnixxija tad-demm; kienet ħliet ġidha kollu fit-tobba u ħadd minnhom ma kellu ħila jfejjaqha;

44resqet lejn Ġesù minn warajh u messitlu t-tarf tal-libsa, u minnufih it-tnixxija tad-demm waqfitilha.

45U Ġesù qal: "Min messni?" Kulħadd ċaħad li kien messu, u Pietru qallu: "Mgħallem, in-nies qegħdin jagħfsu fuqek u jrossu madwarek."

46Imma Ġesù qal: "Xi ħadd messni, għax ħassejt li xi qawwa ħarġet minni."

47Il-mara, meta rat li ma setgħetx tinħeba, resqet b'rogħda fuqha, inxteħtet quddiemu, u stqarritlu quddiem kulħadd l-għala kienet messitu u kif fieqet minnufih.

48U hu qalilha: "Binti, il-fidi tiegħek salvatek; mur bis-sliema."

49Kif kien għadu jitkellem, wasal wieħed mid-dar tal-kap tas-sinagoga u qallu: "Bintek mietet; tħabbtux iżjed lill-Imgħallem."


© 2020 Malta Bible Society.

50Iżda Ġesù, meta sama' dan, qal lill-kap: "Tibżax, biss inti emmen, u hi tfiq."

51Wasal id-dar, u ma ħalla lil ħadd jidħol miegħu ħlief lil Pietru u 'l Ġwanni u 'l
Ġakbu, u lil missier it-tifla u 'l ommha.

52Kulħadd kien qiegħed jibkiha u jħabbat fuq sidru minħabba fiha. U hu
qalilhom: "Tibkux, għax m'hijiex mejta, imma rieqda".

53U qabdu jiddieħku bih, għax kienu jafu li mietet.

54Imma hu qabdilha idha u b'leħen qawwi qalilha: "Tifla, qum!"

55U reġgħet daħlet ruħha fiha, u minnufih qamet, u hu ordnalhom jagħtuha
tiekol.

56Il-ġenituri tagħha stagħġbu għall-aħħar, imma hu wissiehom biex ma jgħidu
lil ħadd b'li ġara.

## Luqa 9

### Il-missjoni tat-Tnax

(Mt 10,5-15; Mk 6,7-13)

1Sejjaħ lit-Tnax madwaru u tahom qawwa u setgħa fuq ix-xjaten kollha u li
jfejqu l-mard

2U bagħathom ixandru s-Saltna ta' Alla u jfejqu l-morda.

3U qalilhom: "Tieħdu xejn magħkom għat-triq, la ħatar, la ħorġa, la ħobż u
lanqas flus, u lanqas ma jkollkom żewġ ilbiesi.

4Jekk tidħlu f'xi dar, ibqgħu hemm sa ma tiġu biex titilqu.

5Jekk ma jilqgħukomx, oħorġu minn dik il-belt u farfru sa t-trab tagħha minn
ma' riġlejkom bħala xhieda kontrihom."

6Harġu, mela, u bdew iduru l-irħula jxandru l-Evanġelju u jfejqu l-morda
kullimkien.

### Erodi mħasseb

(Mt 14,1-12; Mk 6,14-29)

7Dawn il-ġrajja kollha waslu f'widnejn Erodi t-tetrarka u beda jitħasseb, għaliex
xi wħud kienu qegħdin jgħidu li Ġwanni qam mill-imwiet,

8waqt li oħrajn qalu li deher Elija, u oħrajn li qam wieħed mill-profeti tal-
imgħoddi.

9Iżda Erodi qal: "Lil Ġwanni qtajtlu rasu; mela min hu dan li fuqu qiegħed nisma'
dan kollu?" U beda jfittex li jarah.

### Ġesù jitma' ħamest elef

(Mt 14,13-21; Mk 6,30-44; Ġw 6,1-13)

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

10L-appostli reġgħu lura għand Ġesù u qalulu x'kienu għamlu; imbagħad ħadhom miegħu u nġabar magħhom qrib belt jisimha Betsajda.

11Imma l-folol saru jafu u marru warajh. Hu laqagħhom u qagħad ikellimhom fuq is-Saltna ta' Alla, u fejjaq lil dawk li kienu jeħtieġu l-fejqan.

12Il-jum kien wasal biex jintemm. Resqu lejh it-Tnax u qalulu: "Ibgħathom in-nies ħa jmorru fl-irħula u r-rziezet tal-qrib biex isibu fejn jistrieħu u jieklu xi ħaġa, għax hawnhekk qegħdin f'post imwarrab."

13Iżda hu qalilhom: "Agħtuhom intom x'jieklu." Qalulu: "Ma għandniex aktar minn ħames ħobżiet u żewġ ħutiet, jekk għallinqas ma mmorrux aħna stess nixtru l-ikel għal dawn in-nies kollha!"

14Għax kien hemm madwar il-ħamest elef raġel. U qal lid-dixxipli tiegħu: "Qegħduhom bilqiegħda ħamsin ħamsin."

15Hekk għamlu, u qiegħdu lil kulħadd bilqiegħda.

16Imbagħad ħa l-ħames ħobżiet u ż-żewġ ħutiet, rafa' għajnejh lejn is-sema, berikhom u qasamhom, u tahom lid-dixxipli biex inewluhom lin-nies.

17U kulħadd kiel u xaba' u l-bċejjeċ tal-ħobż li kien fadal ġabruhom fi tnax-il qoffa.

### Pietru jistqarr il-fidi f'Ġesù
(Mt 16,13-20; Mk 8,27-29)

18Darba, waqt li kien qiegħed jitlob waħdu, kien hemm miegħu d-dixxipli tiegħu, u hu staqsiehom: "Min jgħidu n-nies li jien?"

19Huma weġbuh u qalulu: "Ġwanni l-Battista; oħrajn, Elija; u oħrajn, li qam wieħed mill-profeti tal-imgħoddi."

20Qalilhom: "Imma intom min tgħidu li jien!" Qabeż Pietru u qallu: "Inti l-Messija ta' Alla."

### L-ewwel taħbira tal-mewt u tal-qawmien
(Mt 16,20-28; Mk 8,30—9,1)

21Imbagħad ikkmandahom u qalilhom ħafna biex ma jgħidu lil ħadd b'dan.

22U qalilhom: "Jeħtieġ li Bin il-bniedem ibati ħafna, jiċħduh ix-xjuħ u l-qassisin il-kbar u l-kittieba, joqtluh, u fit-tielet jum iqum."

23Darba qal lil kulħadd: "Jekk xi ħadd irid jiġi warajja, għandu jiċħad lilu nnifsu, jerfa' salibu kuljum, u jimxi warajja.

24Għax min irid isalva ħajtu, jitlifha; imma min jitlef ħajtu għall-imħabba tiegħi, isalvaha.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

25Għax x'jiswielu l-bniedem li jikseb id-dinja kollha u mbagħad jintilef jew
jinqered?

26Għax jekk xi ħadd jistħi minni u minn kliemi, Bin il-bniedem ukoll jistħi minnu
meta jiġi fil-glorja tiegħu u tal-Missier u tal-anġli mqaddsa.

27Tassew, ngħidilkom, xi wħud minn dawk li qegħdin hawn ma jġarrbux il-
mewt qabel ma jaraw is-Saltna ta' Alla."

### It-Trasfigurazzjoni

(Mt 17,1-9; Mk 9,2-10)

28Daqs tmint ijiem wara dan id-diskors, Ġesù ħa miegħu lil Pietru, lil Ġwanni u
'l Ġakbu, u tala' fuq il-muntanja biex jitlob.

29U ġara li huwa u jitlob, id-dehra ta' wiċċu tbiddlet u l-ilbiesi tiegħu saru ta'
bjuda li tgħammex.

30U kien hemm żewġt irġiel jitħaddtu miegħu, Mosè u Elija,

31li dehru fil-glorja, jitħaddtu fuq it-tmiem ta' ħajtu li kellu jseħħ f'Ġerusalemm.

32Pietru u sħabu kienu mejtin bin-ngħas, imma baqgħu mqajmin sewwa, u raw
il-glorja tiegħu u ż-żewġt irġiel li kienu miegħu.

33Xħin dawn it-tnejn kienu se jinfirdu minnu, Pietru qal lil Ġesù: "Mgħallem,
kemm hu sew li aħna hawn! Ha ntellgħu tliet tined, waħda għalik, waħda għal
Mosè, u waħda għal Elija." Ma kienx jaf x'inhu jgħid.

34Waqt li kien qiegħed jgħid dan, ġiet sħaba u għattiethom u huma beżgħu kif
daħlu fis-sħaba.

35U minn ġos-sħaba nstama' leħen jgħid: "Dan hu Ibni l-maħtur, lilu isimgħu."

36Malli nstama' l-leħen Ġesù sab ruħu waħdu. Huma żammew is-skiet, u għal
dawk il-jiem ma qalu xejn lil ħadd minn dak li kienu raw.

### Ġesù jfejjaq tifel maħkum mix-xitan

(Mt 17,14-18; Mk 9,14-27)

37L-għada, huma u neżlin minn fuq il-muntanja, marru jilqgħuh ħafna nies.

38U wieħed raġel mill-folla rafa' leħnu u qallu: "Mgħallem, nitolbok, ħares ħarsa
lejn ibni, għax lilu biss għandi.

39Ara, l-ispirtu jaqbdu u minnufih jibda jgħajjat, ikagħwġu mal-art kollu
ragħwa, u jħallih imfarrak wara tbatija kbira biex joħroġ minnu.

40Tlabt lid-dixxipli tiegħek biex ikeċċuh minnu, iżda ma setgħux."

41Wieġeb Ġesù u qal: "Ja nies bla fidi u ħżiena, kemm se ndum magħkom u
nissaportikom? Ġibli lil ibnek hawn."


© 2020 Malta Bible Society.

42Huwa u riesaq, ix-xitan beda jsabbtu u jkagħwġu mal-art. Imma Ġesù hedded
ħafna lill-ispirtu mniġġes, fejjaq lit-tifel, u raġa' tah lil missieru.

43U kulħadd tnixxef bil-għaġeb quddiem dan il-kobor liema bħalu ta' Alla.

### It-tieni tħabira tal-mewt u tal-qawmien

(Mt 17,22-23; Mk 9,30-32)

Imma waqt li kulħadd kien qiegħed jistagħġeb b'kulma kien qiegħed jagħmel,
Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu:

44"Ifttħu widnejkom sewwa għal dawn il-kelmiet: Bin il-bniedem għandu jkun
mogħti f'idejn il-bnedmin."

45Iżda huma ma fehmuhx dan il-kliem, u baqa' mistur għalihom hekk li ma
qabdu xejn minnu, u beżgħu jistaqsuh dwar dak li kien qal.

### Min hu l-akbar fis-Saltna ta' Alla

(Mt 18,1-5; Mk 9,33-37)

46Qamet kwistjoni bejniethom dwar min kien l-akbar fosthom.

47Ġesù għaraf x'kellhom f'moħħhom, u ressaq tifel żgħir lejh, qiegħdu maġenbu,

48u qalilhom: "Min jilqa' lil dan it-tifel żgħir minħabba f'ismi, ikun jilqa' lili; u
min jilqa' lili, ikun jilqa' lil dak li bagħatni. Għax min hu l-iżgħar fostkom ilkoll,
dak hu l-kbir."

### Min mhuwiex kontra tagħkom hu magħkom

(Mk 9,38-40)

49Qabeż Ġwanni u qallu: "Mgħallem, rajna wieħed ikeċċi x-xjaten f'ismek, u
ridna nżommuh, għax hu mhuwiex wieħed minn tagħna."

50Imma Ġesù qallu: "La żżommuhx, għax min mhuwiex kontra tagħkom, huwa
magħkom."

### Is-Samaritani ma jilqgħux lil Ġesù

51Meta qorob għalih iż-żmien li fih kellu jittieħed mid-dinja, b'rieda sħiħa dar u
telaq lejn Ġerusalemm.

52U bagħat xi messaġġiera qablu li, huma u sejrin, daħlu f'raħal tas-Samarija
biex iħejjulu fejn joqgħod.

53Iżda hemmhekk ma laqgħuhx, billi hu kien sejjer Ġerusalemm.

54Meta raw dan, id-dixxipli Ġakbu u Ġwanni qalulu: "Mulej, tridx ngħidu lin-nar
jinżel mis-sema u jeqridhom?"

55Iżda hu dar fuqhom u ċanfarhom.

56U marru f'raħal ieħor.

### X'jistenna Ġesù mid-dixxipli tiegħu

(Mt 8,18-22)

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

57Huma u miexja fit-triq kien hemm wieħed li qallu: "Tmur fejn tmur, jiena niġi warajk."

58U qallu Ġesù: "Il-volpijiet għandhom l-għerien tagħhom u l-għasafar tal-ajru l-bejtiet, iżda Bin il-bniedem ma għandux fejn imidd rasu."

59Lil wieħed ieħor qallu: "Imxi warajja." Iżda dak wieġbu: "Ħallini l-ewwel immur nidfen lil missieri."

60Iżda hu wieġbu: "Ħalli l-mejtin jidfnu l-mejtin tagħhom; iżda int mur u xandar is-Saltna ta' Alla."

61U ieħor ukoll qallu: "Jien niġi, Mulej, warajk, imma l-ewwel ħallini nsellem lil tad-dar."

62Qallu Ġesù: "Min iqiegħed idu fuq il-moħriet u jħares lura mhuwiex tajjeb għas-Saltna ta' Alla."

## Luqa 10

### Il-missjoni tat-72 dixxiplu

1Wara dan, il-Mulej għażel tnejn u sebgħin oħra u bagħathom tnejn tnejn qablu f'kull belt u post fejn kien se jmur hu.

2U qalilhom: "Il-ħsad huwa kbir, imma l-ħaddiema ftit. Itolbu mela lil Sid il-ħsad biex jibgħat ħaddiema għall-ħsad tiegħu.

3Morru! Araw, qiegħed nibgħatkom bħal ħrief qalb l-ilpup.

4Teħdux magħkom la but, la ħorġa u lanqas qrieq, u fit-triq issellmu lil ħadd.

5Fid-dar fejn tidħlu, l-ewwel għidu, 'Is-sliem lil din id-dar.'

6U jekk fiha jkun hemm min iħobb is-sliem, jistrieħ is-sliem tagħkom fuqu; jekk le, it-tislima tagħkom terġa' lura għandkom.

7Ibqgħu għand dik il-familja, u kulu u ixorbu milli jkollhom huma, għax il-ħaddiem ħaqqu ħlasu. Toqogħdux idduru minn familja għal oħra.

8F'kull belt li fiha tmorru u jilqgħukom, kulu dak li jqegħdulkom quddiemkom;

9fejqu l-morda li jkun hemm; u lin-nies għidulhom, 'Is-Saltna ta' Alla waslitilkom.'

10Imma l-belt li fiha tidħlu u ma jilqgħukomx, oħorġu fil-pjazez tagħha u għidu,

11'Sa t-trab ta' beltkom infarfru minn ma' riġlejna, u nħalluh għalikom. Imma kunu afu dan: is-Saltna ta' Alla waslet.'

12Ngħidilkom li dak il-jum ikun eħfef għal Sodoma milli għal dik il-belt.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

### Saħta fuq il-bliet li ma nidmux
(Mt 11,20-24)

13“Issa għalik, Korożajn! Issa għalik, Betsajda! Għax kieku l-mirakli li saru
fikom saru f’Tir u Sidon, kieku ilhom li nidmu u libsu l-ixkejjer u qagħdu fuq ir-
rmied.

14Imma l-ġudizzju għad ikun eħfef għal Tir u Sidon milli għalikom.

15U int, Kafarnahum, taħseb li se togħla sas-sema? Sa ġol-qiegħ għad tinxteħet!

16Min jisma’ lilkom ikun jisma’ lili, u min iwarrab lilkom ikun iwarrab lili; imma
min iwarrab lili jkun iwarrab lil dak li bagħatni.”

### It-72 jerġgħu lura għand Ġesù

17It-tnejn u sebgħin reġgħu lura ferħana jgħidu: “Mulej, ix-xjaten ukoll
joqogħdu għalina minħabba f’ismek!”

18U hu qalilhom: “Iva, jien kont narah lix-Xitan jaqa’ bħal berqa mis-sema.

19Araw, tajtkom is-setgħa li tirfsu fuq sriep u skorpjuni u li tegħlbu kull qawwa
tal-għadu u ebda ħsara ma jagħmlulkom.

20Madankollu mhux b’dan ifirħu, li l-ispirti joqogħdu għalikom, imma ifirħu
għax għandkom isimkom miktub fis-smewwiet.”

### Il-ferħ ta’ Ġesù
(Mt 11,25-27; Mk 13,16-17)

21F’dak l-istess ħin Ġesù tqanqal bil-ferħ mill-Ispirtu s-Santu u qal: “Infaħħrek,
Missier, Sid is-sema u l-art, għax int dawn il-ħwejjeġ ħbejthom lil min għandu l-
għerf u d-dehen u wrejthom liċ-ċkejknin. Iva, Missier, għax lilek hekk għoġbok.

22Kollox kien mogħti lili minn Missieri, u ħadd ma jagħraf min hu l-Iben ħlief il-
Missier, anqas min hu l-Missier ħlief l-Iben u dak li lilu l-Iben irid jgħarrafhulu.”

23Imbagħad dar lejn id-dixxipli u qal lilhom weħidhom: “Henjin l-għajnejn li
jaraw dak li qegħdin taraw intom.

24Għax kif ngħidilkom jien, ħafna profeti u slaten riedu jaraw dak li qegħdin
taraw intom u ma rawhx, u jisimgħu dak li qegħdin tisimgħu intom u ma
semgħuhx!”

### Il-parabbola tas-Samaritan it-tajjeb

25Mela jqum wieħed għaref fil-Liġi u, biex iġarrbu, staqsieh: “Mgħallem,
x’nagħmel biex niret il-ħajja ta’ dejjem?”

26Qallu Ġesù: “Fil-Liġi x’hemm miktub? Inti x’taqra fiha?”

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

27U dak wieġeb: "Int għandek tħobb il-Mulej, Alla tiegħek, b'qalbek kollha, u b'ruħek kollha, bil-qawwa tiegħek kollha, u b'moħħok kollu, u lill-proxxmu tiegħek bħalek innifsek."

28"Sewwa weġibt," qallu Ġesù, "agħmel hekk u tgħix."

29Iżda dak, biex juri li kellu raġun, qal lil Ġesù: "U l-proxxmu tiegħi min hu?"

30U Ġesù raġa' qabad jgħidlu: "Wieħed raġel kien nieżel Ġeriko minn Ġerusalemm, u waqa' f'idejn il-ħallelin; dawn neżżgħuh, biċċruh bis-swat u telqu, u ħallewh nofsu mejjet.

31Inzerta kien nieżel qassis minn dik it-triq u rah, għadda minn mal-ġenb u baqa' sejjer.

32Hekk ukoll wieħed levita, meta wasal hemm u rah, għadda minn mal-ġenb u baqa' sejjer.

33Imma kien għaddej minn hemm wieħed Samaritan, wasal ħdejh, rah u tħassru.

34Resaq lejh, dewwielu l-ġrieħi biż-żejt u l-inbid u rabathomlu, u mbagħad tellgħu fuq il-bhima tiegħu, wasslu f'lukanda u ħa ħsiebu

35L-għada ħareġ biċċtejn flus, tahom lil tal-lukanda u qallu, 'Ħu ħsiebu; jekk tonfoq xi ħaġa iżjed, irroddhielek jien meta nerġa' ngħaddi.'

36Minn dawn it-tlieta, int min jidhirlek li ġieb ruħu ta' proxxmu ma' dak li waqa' f'idejn il-ħallelin?"

37"Min ħenn għalih," wieġbu dak. "Mur," qallu Ġesù, "u agħmel hekk int ukoll."

### Ġesù jżur lil Marta u Marija

38Huma u sejrin, daħal f'raħal, u laqgħetu għandha waħda mara jisimha Marta.

39Din kellha oħtha, jisimha Marija, li niżlet bilqiegħda f'riġlejn il-Mulej tisimgħu x'kien qiegħed jgħid.

40Iżda Marta kienet moħħha fuq il-ħafna xogħol tad-dar. Imbagħad resqet u qaltlu: "Mulej, m'intix tara kif oħti ħalliet ix-xogħol kollu fuqi biss? Mela għidilha taqbad tagħmel xi ħaġa miegħi!"

41Qabeż il-Mulej u qalilha: "Marta Marta! Inti taħseb wisq u tinkwieta fuq ħafna ħwejjeġ;

42imma waħda hi meħtieġa. U Marija għażlet l-aħjar sehem, li ma jitteħdilhiex."

## Luqa 11

### Tagħlim fuq it-talb

(Mt 6,9-15; 7,7-11)

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

1Darba kien qiegħed xi mkien jitlob. Kif spiċċa mit-talb, wieħed mid-dixxipli tiegħu qallu: "Mulej, għallimna nitolbu, bħalma Ġwanni wkoll għallem lid-dixxipli tiegħu."

2U qalilhom: "Meta titolbu, għidu, 'Missier, jitqaddes ismek, tiġi Saltnatek.

3Hobżna ta' kuljum agħtina kuljum.

4U aħfrilna dnubietna, għax aħna wkoll naħfru lil kull min hu ħati għalina, u la ddaħħalniex fit-tiġrib.' "

5Qalilhom ukoll: "Wieħed minnkom ikollu ħabib li jiġih f'nofs ta' lejl u jgħidlu, 'Ħabib, islifni tliet ħobżiet,

6għax ġie għandi wieħed ħabib tiegħi mill-vjaġġ u ma għandix x'nagħtih.'

7U l-ieħor iwieġbu minn ġewwa u jgħidlu, 'Iddejjaqnix; issa l-bieb magħluq, u wliedi qegħdin fis-sodda miegħi; ma nistax inqum nagħtik.'

8Ngħidilkom jien, li jekk ma jqumx jagħtih għax ħabib tiegħu, iqum u jagħtih kulma jkollu bżonn minħabba l-wiċċ sfiq tiegħu. U jiena ngħidilkom:

9Itolbu u jingħatalkom, fittxu u ssibu, ħabbtu u jiftħulkom.

10Għax min jitlob, jaqla'; min ifittex, isib; u min iħabbat, jiftħulu.

11Min hu dak il-missier fostkom li, jekk ibnu jitolbu ħuta, minflok ħuta jagħtih serp?

12Inkella jekk jitolbu bajda jagħtih skorpjun?

13Mela jekk intom, nies ħżiena bħalkom, tafu tagħtu lil uliedkom ħwejjeġ tajba, kemm aktar il-Missier mis-smewwiet jagħti spirtu qaddis lil dawk li jitolbuhulu!"

### Ġesù u Begħelżebul

(Mt 12,22-30; Mk 3,20-27)

14Ġesù kien qiegħed ikeċċi xitan, li kien imbikkem. Meta x-xitan ħareġ, l-imbikkem tkellem, u n-nies stagħġbu.

15Iżda xi wħud minnhom qalu: "Bis-saħħa ta' Begħelżebul, il-prinċep tax-xjaten, qiegħed ikeċċihom ix-xjaten."

16Oħrajn, biex iġarrbuh, riedu mingħandu sinjal mis-sema.

17Iżda hu ntebaħ x'kienet il-fehma tagħhom, u qalilhom: "Kull saltna maqsuma fiha nfisha ssir ħerba, u taqa' dar fuq oħra.

18Jekk ix-Xitan ukoll hu kontra tiegħu nnifsu, kif se żżomm wieqfa s-saltna tiegħu? Għax intom tgħidu li jien bis-saħħa ta' Begħelżebul inkeċċihom ix-xjaten.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

19Imma jekk jiena qiegħed inkeċċi x-xjaten bis-saħħa ta’ Begħelżebul, uliedkom
bis-saħħa ta’ min ikeċċuhom? Għalhekk huma stess ikunu l-imħallfin tagħkom.

20Iżda jekk jiena qiegħed inkeċċi x-xjaten bis-saħħa ta’ Alla, dan ifisser li waslitilkom is-Saltna ta’ Alla.

21Sakemm il-bniedem qawwi u armat tajjeb jgħasses il-palazz tiegħu, ħwejġu jkunu fiż-żgur.

22Imma jekk wieħed aqwa minnu jaqbeż fuqu u jegħlbu, jaħtaflu l-armi kollha li fuqhom kien iserraħ rasu, u jqassam il-priża tiegħu.

23Min mhuwiex miegħi huwa kontra tiegħi, u min ma jiġborx miegħi, ixerred.

### L-ispirtu mniġġes iħabbat lill-bniedem

(Mt 12,43-45)

24“Meta l-ispirtu mniġġes joħroġ minn bniedem, huwa jmur jiġġerra u jfittex il-mistrieħ f’art niexfa, u billi ma jsibu mkien, jgħid, ‘Mela nerġa’ lura lejn dari mnejn ħriġt.’

25U x’ħin jiġi, isibha miknusa u kollox f’postu.

26Imbagħad imur iġib seba’ spirti oħra agħar minnu, u jidħlu joqogħdu hemm ġew. U fl-aħħar dak il-bniedem isib ruħu f’qagħda agħar minn ta’ qabel.”

### L-hena veru

27Huwa u jgħid dan, kien hemm waħda mara li għolliet leħinha minn qalb il-folla u qaltlu: “Hieni l-ġuf li ġiebek u s-sider li rdajt!”

28Iżda hu qalilha: “Imma tassew ngħidlek, aktar hienja dawk li jisimgħu l-kelma ta’ Alla u jħarsuha!”

### Nisel ħażin irid sinjal

(Mt 12,38-42; Mk 8,12)

29Meta l-folla tan-nies żdiedet, Ġesù qabad u qal: “Nisel ħażin huwa dan in-nisel!
Irid sinjal! Imma ebda sinjal ma jingħatalu ħlief is-sinjal ta’ Ġona.

30Għax bħalma Ġona sar sinjal għan-nies ta’ Ninwè, hekk isir Bin il-bniedem għal dan in-nisel.

31F’jum il-ħaqq, is-sultana tan-nofsinhar għad tqum man-nies ta’ dan in-nisel u tikkundannahom, għax hi ġiet mit-truf tal-art biex tisma’ l-għerf ta’ Salamun; u araw li hawnhekk hawn min hu aqwa minn Salamun!

32F’jum il-ħaqq, in-nies ta’ Ninwè għad iqumu ma’ dan in-nisel u jikkundannawh, għax huma nidmu wara l-predikazzjoni ta’ Ġona; u araw li hawnhekk hawn min hu aqwa minn Ġona!

### Id-dawl tal-bniedem

(Mt 5,15; 6,22-23; Mk 4,21)


© 2020 Malta Bible Society.

33“Hadd ma jixgħel musbieħ u jqiegħdu xi mkien fil-moħbi jew taħt il-modd, iżda fuq l-imnara, biex dawk li jidħlu jkunu jistgħu jaraw id-dawl.

34Il-musbieħ tal-ġisem hija għajnek. Jekk għajnek hi safja, il-ġisem ukoll ikun kollu mdawwal tajjeb. Iżda jekk għajnek hi marida, ġismek ukoll ikun mudlam.

35Mela ara jekk id-dawl li għandek fik huwiex dlam!

36Jekk ġismek hu kollu mdawwal tajjeb u ma fih imkien mudlam, ikun jiddi kollu kemm hu bħal meta musbieħ idawlek bid-dija tiegħu.”

### Ġesù jikkundanna lill-Fariżej u lill-għorrief tal-Liġi

(Mt 23,1-36; Mk 12,38-40; Lq 20,45-47)

37Huwa u jitkellem, wieħed Fariżew stiednu għandu għall-ikel. Daħal għandu u qagħad bilqiegħda.

38Imma l-Fariżew stagħġeb meta ra li qabel xejn ma nħasilx skont ir-riti ta' qabel l-ikel.

39U l-Mulej qallu: “U issa intom il-Fariżej! Intom tnaddfu t-tazza u l-platt minn barra, iżda minn ġewwa intom mimlija bis-serq u l-ħażen.

40Kemm intom bla moħħ! Min għamel in-naħa ta' barra, ma għamilx ukoll in-naħa ta' ġewwa?

41Mela agħtu karità minn dak li hemm ġewwa, u taraw kif kollox ikunilkom nadif.

42Imma ħażin għalikom intom il-Fariżej! Intom tħallsu d-dieċmi fuq in-nagħniegħ u l-fejġel u fuq kull xorta ta' ħxejjex, u mbagħad għal dik li hi ġustizzja u mħabba ta' Alla tħallu kollox għaddej. Dawn kien imisskom tħarsu, mingħajr ma tħallu l-oħrajn barra.

43Ħażin għalikom intom il-Fariżej! Intom tħobbu s-siġġijiet ta' quddiem fis-sinagogi u min isellmilkom fil-pjazez.

44Ħażin għalikom! Qiskom l-oqbra, li ma tagħrafhomx, u n-nies tgħaddi minn fuqhom bla ma tintebaħ bihom.”

45Qabeż wieħed mill-għorrief tal-Liġi u qallu: “Mgħallem, b'dan li qiegħed tgħid qiegħed tgħajjar lilna wkoll!”

46Qallu Ġesù: “Ħażin għalikom ukoll intom l-għorrief tal-Liġi! Intom tgħabbu n-nies b'tagħbijiet li bilkemm wieħed jiflaħhom u li intom stess anqas b'saba' wieħed ma tmissuhom.

47Ħażin għalikom! Intom tibnu l-oqbra tal-profeti li qatlu missirijietkom,

48u b'hekk tagħtu xhieda ta' kulma għamlu missirijietkom u turu li taqblu magħhom, għax huma qatluhom u intom tibnulhom l-oqbra.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

49 Kien għalhekk li l-Għerf ta’ Alla qal, ‘Jien nibagħtilhom profeti u appostli, u
huma joqtlu u jippersegwitaw lil xi wħud minnhom.’

50 U hekk dan in-nisel ikollu jagħti kont ta’ demm il-profeti kollha li nxtered sa
mill-ħolqien tad-dinja,

51 ibda mid-demm ta’ Abel sad-demm ta’ Żakkarija, li qerduh bejn l-altar u s-
santwarju. Iva, ngħidilkom, dan in-nisel ikollu jagħti kont!

52 Hażin għalikom intom l-għorrief tal-Liġi! Intom ħtaftu l-muftieħ tal-għerf,
biex imbagħad intom stess ma dħaltux u żammejtu lura lil min ried jidħol!”

53 Meta Ġesù ħareġ minn hemm, il-kittieba u l-Fariżej bdew irossuh kemm
jifilħu b’mistoqsijiet fuq ħafna ħwejjeġ

54 u jonsbuh biex jaraw jaqbdux xi ħaġa minn fommu.

## Luqa 12

### Twissija fuq il-wiċċ b’ieħor

1 Sadattant in-nies bdiet tinġabar bl-eluf, kulħadd jgħaffeġ fuq xulxin. U hu
qabad jgħid l-ewwelnett lid-dixxipli tiegħu: “Ilqgħu rwieħkom mill-ħmira tal-
Fariżej, jiġifieri mill-wiċċ b’ieħor tagħhom.

2 Xejn ma hu mgħotti li ma jinkixifx, u xejn ma hu moħbi li ma jsirx magħruf.

3 Għalhekk, kulma tkunu għedtu fid-dlam għad jinstama’ fid-dawl, u kulma
tkunu tkellimtu fil-widnejn, fil-kmamar ta’ ġewwa, għad jixxandar minn fuq il-
bjut.

### Minn min għandkom tibżgħu
(Mt 10,28-31)

4 “Dan ngħidilkom, ħbieb tiegħi, tibżgħux minn dawk li joqtlu l-ġisem u
mbagħad ma jkunu jistgħu jagħmlu xejn iżjed.

5 Ha nurikom jien minn min għandkom tibżgħu; ibżgħu minn Dak li, wara li jkun
qatlek, għandu s-setgħa jixħtek ġol-infern. Iva, ngħidilkom, minn dan ibżgħu.

6 Hames għasafar tal-bejt mhux żewġ soldi jinbiegħu? U anqas wieħed minnhom
ma hu minsi quddiem Alla.

7 U intom, sa x-xagħar ta’ raskom, kollu magħdud. Xejn la tibżgħu, għax intom
aktar minn ħafna għasafar tal-bejt tiswew.

### Id-dixxiplu jistqarr li hu ma’ Ġesù
(Mt 10,32-33; 12,32)

8 “U ngħidilkom li kull min jistqarr quddiem il-bnedmin li huwa miegħi, Bin il-
bniedem ukoll jistqarr li huwa miegħu quddiem l-anġli ta’ Alla.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

9Iżda min jiċħad lili quddiem il-bnedmin, jien niċħad lilu quddiem l-anġli ta' Alla.

10U kull min jgħid xi ħaġa kontra Bin il-bniedem tinħafirlu; iżda min jieqaf lill-Ispirtu s-Santu ma jinħafirlux.

11Meta jeħdukom quddiem is-sinagogi u l-kapijiet u s-setgħat, toqogħdux tħabblu raskom kif sejrin twieġbu jew x'sejrin tgħidu,

12għax l-Ispirtu s-Santu jgħallimkom dak il-ħin stess x'għandkom tgħidu."

### Il-parabbola tal-għani iblah

13Xi ħadd mill-folla qallu: "Mgħallem, għid lil ħija jaqsam il-wirt miegħi."

14"Ħabib," wieġbu Ġesù, "min qegħedni mħallef fuqkom, jew qabbadni nqassmilkom il-ġid bejnietkom?"

15Imbagħad qal lin-nies: "Iftħu għajnejkom u ħarsu rwieħkom minn kull regħba, għax imqar jekk wieħed ikollu bir-radam, ħajtu ma tiddependix mill-ġid li jkollu."

16U qalilhom parabbola: "Wieħed raġel għani ġabar kotra ta' frott mir-raba' tiegħu.

17U beda jaħseb u jgħid bejnu u bejn ruħu, 'X'se nagħmel? Għax dan il-frott kollu ma għandix fejn naħżnu!

18Ara x'nagħmel,' qal, 'inħott l-imħażen li għandi u nibni oħrajn akbar, u naħżen fihom il-qamħ u l-ġid kollu li għandi.

19Imbagħad ngħid lili nnifsi: Ruħi, għandek ħażna kbira ta' ġid għal bosta snin; mela strieħ, kul, ixrob, ixxala!"

20Iżda qallu Alla, 'Iblah li int! Dan il-lejl stess jitolbuk ruħek lura. U l-ħwejjeġ li ħejjejt għalik, ta' min ikunu?'

21Hekk jiġrilu min jiġma' l-ġid għalih innifsu bla ma jistagħna quddiem Alla."

### L-inkwiet u t-tħassib
(Mt 6,25-34)

22Imbagħad Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: "Għalhekk ngħidilkom, tinkwetawx ruħkom għall-ħajja, x'se tieklu, anqas għall-ġisem, x'se tilbsu.

23Għax il-ħajja aqwa mill-ikel, u l-ġisem aqwa mill-ilbies.

24Ħarsu lejn iċ-ċawl; la jiżra' u lanqas jaħsad, la għandu mħażen u lanqas kmamar fejn jerfa', u madankollu Alla jitimgħu. Wisq aktar mit-tajr tiswew intom!

25U min minnkom, bl-inkwiet tiegħu kollu se jseħħlu jtawwal għomru mqar b'jum wieħed?

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

26Jekk mela anqas ħaġa tassew ċkejkna ma għandkom ħila tagħmlu, għaliex
tinkwetaw ruħkom mill-bqija?

27Araw il-ġilji kif jikbru: u la jitħabtu u lanqas jinsġu. Ngħidilkom li anqas
Salamun, fil-glorja kollha tiegħu, ma kien jilbes bħal wieħed minnhom.

28Mela jekk Alla jlibbes hekk imqar ħaxixa selvaġġa li llum hawn u għada
tinxteħet fil-forn, kemm aktar lilkom, nies ta' fidi ċkejkna?

29Hekk ukoll intom, toqogħdux tfittxu x'se tieklu u x'se tixorbu, u xejn titħassbu;

30dawn kollha ħwejjeġ li jfittxuhom in-nies tad-dinja, u Missierkom jaf li
teħtiġuhom.

31Fittxu mela s-Saltna tiegħu, u magħha mbagħad iżidilkom dawn ukoll.

### Teżori fis-sema

(Mt 6,19-20)

32"Le, merħla ċkejkna, tibżgħu xejn, għax Missierkom għoġbu jagħtikom is-
Saltna!

33Bigħu ġidkom u agħtuh karità u fittxu għalikom infuskom boroż li ma
jitmermrux, teżor li ma jiġix nieqes fis-sema, fejn la l-ħalliel ma jersaq u lanqas
il-kamla ma tħassar.

34Għax fejn hemm it-teżor tagħkom, hemm tinsab qalbkom ukoll."

### Il-qaddejja li jishru

35"Żommu ġenbejkom imħażżma u l-imsiebaħ tagħkom mixgħula;

36kunu bħal nies jistennew lil sidhom lura mill-festa tat-tieġ, biex malli jiġi u
jħabbat jiftħulu minnufih.

37Henjin dawk il-qaddejja li meta jiġi sidhom isibhom jishru! Tassew
ngħidilkom, li hu jitħażżem, iqegħedhom madwar il-mejda, u jgħaddi
quddiemhom iservihom.

38U kieku kellu jiġi fil-ħin tat-tieni sahra, jew tat-tielet, u jsibhom xorta waħda
fuq dmirhom, henjin huma!

39Kunu afu dan, li kieku sid id-dar kellu jkun jaf xħin ikun ġej il-ħalliel ma kienx
se jħalli min jinfidlu l-ħajt ta' daru.

40Mela kunu lesti intom ukoll, għax qatt ma tistgħu tobsru s-siegħa li fiha jiġi
Bin il-bniedem."

### Il-qaddej il-fidil u l-qaddej il-ħażin

(Mt 24,45-51)

41"Mulej," qallu Pietru, "din il-parabbola qiegħed tgħidha għalina, jew għal
kulħadd?"


© 2020 Malta Bible Society.

42Wieġbu l-Mulej: "Int min tgħid li hu l-qaddej fidil u għaqli? Min hu dak li s-sid
iqiegħdu fuq in-nies tad-dar biex jagħtihom sehemhom f'ħin l-ikel?

43Hieni dak il-qaddej li sidu jiġi u jsibu jagħmel dan.

44Ngħidilkom is-sewwa, li jafdalu ġidu kollu f'idejh.

45Imma nagħmlu mod li dak il-qaddej jibda jgħid f'qalbu, 'Sidi jiddawwar ma
jiġi,' u jaqbad isawwat lill-qaddejja kollha, irġiel u nisa, u jiekol u jagħtiha għax-
xorb u s-sokor;

46sid dak il-qaddej jasal f'jum meta ma jkunx jistennieh, f'siegħa li fiha jieħdu
għal għarrieda, u jagħmlu bċejjeċ u jagħtih dak li ħaqqhom in-nies li mhumiex
fidili.

47U dak il-qaddej li jkun jaf xi jrid sidu, u madankollu ma jħejjix jew ma jagħmilx
li jrid sidu, swat kbir jaqla'.

48Min imbagħad, bla ma jkun jaf xi jrid sidu, jagħmel xi ħaġa li jkun ħaqqha s-
swat, dan ftit jissawwat. Għax lil min tawh ħafna, ifittxu li jieħdu ħafna
mingħandu; u min ħallewlu ħafna f'idejh, iżjed jippretendu mingħandu.

### Firda minħabba Ġesù
(Mt 10,34-36)

49"Nar ġejt inqiegħed fuq l-art, u kemm nixtieq li diġà qabad!

50Iżda hemm magħmudija li biha għandi nitgħammed, u x'diqa għandi sa ma
dan iseħħ!

51Taħsbu intom li jien ġejt inġib il-paċi fid-dinja? Le, ngħidilkom, imma l-firda;

52għax mil-lum 'il quddiem ħamsa minn nies f'dar waħda jkunu mifruda
bejniethom, tlieta kontra tnejn u tnejn kontra tlieta;

53jinfirdu l-missier kontra l-iben u l-iben kontra l-missier, l-omm kontra l-bint
u l-bint kontra l-omm, omm ir-raġel kontra mart binha u mart l-iben kontra
omm żewġha."

### Iż-żmien jgħallem
(Mt 16,2-3)

54Lin-nies qalilhom ukoll: "Meta taraw sħaba tielgħa mill-punent, malajr tgħidu
li tkun ġejja x-xita; u hekk jiġri.

55U meta jonfoħ ir-riħ isfel, tgħidu li sħana se tagħmel; u tagħmel tassew.

56Uċuħ b'oħra, tafu taqraw wiċċ is-sema, u wiċċ l-art ukoll; mela ż-żmien ta' issa
kif ma tafux tfissruh?"

### Irranġa ma' min jixlik
(Mt 5,25-26)


© 2020 Malta Bible Society.

57“U għala ma tiġġudikawx intom stess x’inhu s-sewwa?

58Jekk xi ħadd ikun se jtellgħek il-qorti, int u sejjer miegħu quddiem il-
maġistrat, ħabrek biex tirranġa miegħu kif tkunu għadkom fit-triq, li ma jmurx
ikaxkrek quddiem l-imħallef, u l-imħallef jagħtik f’idejn l-esekutur tas-
sentenza, u dan imbagħad jitfgħek il-ħabs;

59għax kif ngħidlek jien, ma toħroġx minn hemm ġew qabel ma tkun ħallast sa
l-inqas ħabba.”

# Luqa 13

### Jekk ma tindmux, tintilfu

1Dak il-ħin stess ġew xi wħud u qalulu b’dawk il-Galilin li Pilatu kien ħallat
demmhom mad-demm tal-vittmi tas-sagrifiċċji tagħhom.

2U Ġesù qabad u qalilhom: “Taħsbu intom li dawn il-Galilin kienu iżjed midinbin
mill-Galilin l-oħra biex sofrew dan kollu?

3Le, ngħidilkom; imma jekk ma tindmux, ilkoll tintilfu bħalhom.

4Jew dawk it-tmintax-il ruħ li fuqhom waqa’ t-torri ta’ Silwam u qatilhom,
taħsbu intom li kienu iżjed ħatja min-nies l-oħra ta’ Ġerusalemm!

5Le, ngħidilkom; imma jekk ma tindmux, ilkoll tintilfu xorta waħda.”

### Is-siġra tat-tin bla frott

6U qalilhom din il-parabbola: “Wieħed kellu siġra tat-tin imħawla fl-għalqa. Mar
ifittex il-frott fiha, u ma sabx.

7Għalhekk qal lil dak li kien jaħdimlu l-għalqa, ‘Ara, ili tliet snin niġi nfittex il-
frott f’din is-siġra tat-tin, u qatt ma sibtilha. Mela aqlagħha, għax għalfejn se
tibqa’ tkidd l-art?

8Iżda dak wieġbu, ‘Inti ħalliha, sinjur, għal din is-sena, sa ma nagħżqilha
madwarha u nagħtiha d-demel.

9Id-dieħla għandha mnejn tagħmel il-frott; jekk le, aqlagħha.’ ”

### Il-mara mifluġa mfejqa f’jum is-Sibt

10Darba s-Sibt kien qiegħed jgħallem f’waħda mis-sinagogi.

11U kien hemm mara li kienet ilha tmintax-il sena bi spirtu li kien imarradha;
kienet milwija ħafna, u ma kinitx tista’ tieqaf dritta għalkollox.

12Kif raha Ġesù sejħilha u qalilha: “Mara, inti meħlusa mill-mard tiegħek.”

13U qegħdilha idejh fuqha, u minnufih waqfet dritta u bdiet tfaħħar lil Alla.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

14Qabeż il-kap tas-sinagoga, b'saħna fuqu għax Ġesù fejjaq f'jum is-Sibt, u qal lin-nies: "Hemm sitt ijiem li fihom wieħed għandu jaħdem; mela fihom ejjew biex titfejqu, u mhux is-Sibt!"

15"Uċuħ b'oħra!" wieġbu l-Mulej, "Mhux kull wieħed minnkom f'jum is-Sibt iħoll il-barri jew il-ħmar tiegħu mill-maxtura u jieħdu biex jisqih?

16U mela għax illum is-Sibt, din il-mara, bint Abraham, ma kellhiex tinħall mill-irbit li fih ix-Xitan ilu jżommha għal tmintax-il sena sħaħ?"

17Kif qal hekk, kull min kien kontra tiegħu regħex bil-mistħija; iżda n-nies ilkoll ferħu għal dawk l-għeġubijiet kollha li kien qiegħed jagħmel.

### Il-parabbola tal-mustarda u tal-ħmira
(Mt 13,31-33; Mk 4,30-32)

18Mela qal: "Lil xiex tixbah is-Saltna ta' Alla, u ma' xiex se nxebbhuha?

19Tixbah lil żerriegħa tal-mustarda li wieħed raġel qabad u żeragħha fil-ġnien tiegħu, u mbagħad kibret u saret siġra, u l-għasafar tal-ajru marru jbejtu fil-friegħi tagħha."

20U reġa' qalilhom: "Ma' xiex se nxebbahha s-Saltna ta' Alla?

21Tixbah lil ftit ħmira li waħda mara qabdet u ħalltet ma' tliet sigħan dqiq sakemm għoliet l-għaġna kollha."

### Il-bieb id-dejjaq
(Mt 7,13-14.21-23)

22Huwa u sejjer lejn Ġerusalemm, għadda jgħallem f'xi bliet u rħula.

23U kien hemm wieħed qallu: "Mulej, jaqaw ftit huma dawk li jsalvaw?" U huwa weġibhom:

24"Ħabtu biex tidħlu mill-bieb id-dejjaq, għax kif ngħidilkom jien, ħafna għad ifittxu li jidħlu u ma jirnexxilhomx.

25Għax meta sid id-dar ikun qam jagħlaq il-bieb, intom tibqgħu barra, u tibdew tħabbtu l-bieb u tgħidu, 'Mulej, iftħilna.' Iżda hu jwieġibkom u jgħid, 'Ma nafx mnejn intom.'

26Imbagħad taqbdu tgħidulu, 'Kilna u xrobna miegħek aħna, u int għallimt fil-pjazez tagħna.'

27Hu jwieġeb u jgħidilkom, 'Ma nafx mnejn intom; morru minn quddiemi, intom ilkoll li tagħmlu dak li mhux sewwa!'

28Hemmhekk ikun hemm il-biki u tgħażżiż tas-snien, meta taraw lil Abraham u lil Iżakk u lil Ġakobb u l-profeti kollha fis-Saltna ta' Alla, u intom imkeċċija 'l barra.


© 2020 Malta Bible Society.

29U jiġu nies mil-Lvant u mill-Punent, mit-Tramuntana u min-Nofsinhar, u joqogħdu għall-mejda fis-Saltna ta' Alla.

30U araw, hawn min hu tal-aħħar u għad ikun l-ewwel, u hawn min hu tal-ewwel u għad ikun l-aħħar."

### Ġesù jitħassar lil Ġerusalemm

(Mt 23,37-39; Lq 19,41-44)

31Dak il-ħin stess resqu fuqu xi Fariżej u qalulu: "Mur, itlaq minn hawn, għax Erodi jrid joqtlok."

32U hu qalilhom: "Morru għidulu lil dak il-volpi, 'Ara, jiena nkeċċi x-xjaten u nfejjaq il-mard illum u għada, u fit-tielet jum nasal fit-tmiem tiegħi.

33Madankollu llum u għada u pitgħada jeħtieġli nissokta t-triq tiegħi, għax ma għandux ikun li profeta jinqered barra minn Ġerusalemm.

34Ġerusalemm! Ġerusalemm! Int li toqtol il-profeti u tħaġġar il-messaġġiera li jibgħatlek Alla; kemm ridt niġbor lil uliedek bħalma l-qroqqa tiġbor il-flieles tagħha taħt ġwenħajha, u int ma ridtx!

35Ara, darkom għad iħalluhielkom ħerba! U ngħidilkom, li m'intomx se terġgħu tarawni sa dakinhar li tgħidu, 'Imbierek min ġej f'isem il-Mulej!' "

## Luqa 14

### Ġesù jfejjaq raġel marid

1Darba, kien is-Sibt, daħal għand wieħed mill-kapijiet tal-Fariżej biex jiekol għandu, u huma qagħdu għajnejhom fih.

2U resaq quddiemu wieħed marid bl-ilma.

3Ġesù qabad jistaqsi lill-għorrief tal-Liġi u lill-Fariżej; qalilhom: "Jiswa jew le li wieħed ifejjaq f'jum is-Sibt?"

4Huma ma tkellmu xejn iżda hu qabad lir-raġel, fejqu u bagħtu.

5Imbagħad qalilhom: "Min minnkom se jaqagħlu ibnu jew barri f'ġiebja u għax ikun is-Sibt ma jmurx malajr itellgħu minn hemm?"

6U ma kellhomx il-ħila jwiġbuh għal dan.

### Kif iġġib ruħek meta jistidnuk jew tistieden

7Billi ra b'għajnejh kif il-mistednin bdew jagħżlu l-postijiet ta' quddiem fil-mejda, qalilhom din il-parabbola:

8"Meta wieħed jistiednek għal xi festa ta' tieġ, tmurx toqgħod fil-post ta' quddiem, li ma jkunx hemm xi mistieden aqwa minnek,

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

9u dak li jkun stieden lilek u lilu jiġi fuqek jgħidlek, 'Agħti l-post lil dan', u int
imbagħad, b'regħxa ta' mistħija fuqek, ikollok tieħu l-post tal-aħħar.

10Għall-kuntrarju, meta tkun mistieden, mur inxteħet fil-post tal-aħħar, biex
meta jiġi dak li stiednek jgħidlek, 'Ħabib, itla f'post aktar 'il fuq.' U dan ikun ta'
ġieħ għalik quddiem dawk kollha li jkunu fil-mejda miegħek.

11Għax kull min jitkabbar, jiċċekken; u min jiċċekken, jitkabbar."

12Imbagħad qal ukoll lil dak li kien stiednu: "Meta tagħti ikla jew pranzu,
tistedinx lil ħbiebek jew lil ħutek jew lil qrabatek, u anqas ġirien għonja, għax
għandhom mnejn imbagħad jistiednu lilek huma, u hekk iroddulek il-pjaċir li
tkun għamiltilhom.

13Għall-kuntrarju, meta tagħmel ikla, stieden il-foqra, il-magħtubin, iz-zopop u
l-għomja,

14u hieni int, għax dawn ma għandhomx minn fejn iroddulek pjaċir bi pjaċir,
imma jroddhulek Alla meta l-ġusti jqumu għall-ħajja!"

## Il-parabbola tal-pranzu
(Mt 22,1-10)

15Wieħed minn dawk li kienu miegħu għall-mejda, meta semgħu jgħid dan,
qallu: "Hieni min jiekol il-ħobż fis-Saltna ta' Alla!"

16Iżda hu wieġeb: "Wieħed raġel għamel pranzu kbir u stieden ħafna nies.

17Meta sar il-ħin għall-ikel, bagħat lill-qaddej tiegħu għand il-mistednin biex
jgħidilhom, 'Ejjew, għax ġa lest kollox.'

18Imma lkoll xorta waħda bdew isibu xi skuża. L-ewwel wieħed qallu, 'Xtrajt
għalqa, u jeħtieġli mmur naraha; nitolbok tagħdirni.'

19Ieħor qallu, 'Xtrajt ħames żwieġ barrin, u sejjer nara x'jagħtu; nitolbok
tagħdirni.'

20Ieħor qallu, 'Iżżewwiġt, għalhekk ma nistax niġi.'

21Il-qaddej raġa' lura għand sidu u qallu kollox. Is-sinjur, b'korla fuqu, qal lill-
qaddej tiegħu, 'Ħaffef, oħroġ fil-pjazez u t-triqat tal-belt, u daħħal hawn il-foqra
u l-magħtuba u l-għomja u z-zopop.'

22Il-qaddej imbagħad qallu, 'Sar kif ordnajt int, sinjur, u għad hemm il-wisa'.'

23'Oħroġ fil-mogħdijiet u fl-għelieqi,' qal is-sid lill-qaddej, 'u ġiegħel in-nies
tidħol, ħalli dari timtela.

24Għax kif ngħidilkom jien, ebda wieħed minn dawk li kienu mistiedna ma jduq
l-ikel tiegħi.' "

## X'jeħtieġ biex tkun dixxiplu
(Mt 10,37-38)

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

25Kotra kbira ta' nies kienet miexja miegħu; hu dar lejhom u qalilhom:

26"Min jiġi għandi ma jistax ikun dixxiplu tiegħi jekk ma jobgħodx lil missieru u
'l ommu u lil martu u lil uliedu, 'l ħutu subien u bniet, u saħansitra lilu nnifsu.

27Min ma jerfax salibu u jimxi warajja ma jistax ikun dixxiplu tiegħi.

28"Għax min minnkom ikun irid jibni torri u ma joqgħodx bilqiegħda biex l-
ewwel nett iqis in-nefqa, ħalli jara għandux biżżejjed biex iwassal sa l-aħħar?

29Għax jekk jiġrilu li jqiegħed is-sisien biex imbagħad ma jkunx jista' jtemm il-
bini, kull min jarah jibda jwaqqgħu għaċ-ċajt

30u jgħid, 'Dan il-bniedem beda jibni u ma kellux il-ħila jkompli sal-aħħar.'

31Jew liema sultan, li jkun sejjer jagħmel gwerra kontra sultan ieħor, ma
joqgħodx l-ewwel bilqiegħda biex jara jekk jistax b'għaxart elef raġel iħabbatha
ma' min ġej għalih b'għoxrin elf ruħ?

32Għax inkella, meta l-ieħor ikun għadu 'l bogħod, ikollu jibgħatlu ambaxxata
biex jitolbu l-ftehim għall-paċi.

33Hekk ukoll ħadd ma jista' jkun dixxiplu tiegħi jekk ma jitlaqx ġidu kollu.

34"Tajjeb, iva, il-melħ, imma jekk il-melħ jaqta', biex jerġa' jieħu t-togħma
tiegħu?

35U la għall-art ma jkun jiswa, u lanqas għad-demel; jarmuh barra. Min għandu
widnejn biex jisma', ħa jisma'!"

## Luqa 15

### Il-parabbola tan-nagħġa l-mitlufa

(Mt 18,12-14)

1Il-pubblikani u l-midinbin kienu jersqu bi ħġarhom biex jisimgħuh.

2U kemm il-Fariżej u kemm il-kittieba kienu jgemgmu u jgħidu: "Nies midinba
jilqa' għandu dan u jiekol magħhom!"

3U Ġesù qabad u qalilhom din il-parabbola:

4"Min hu dak fostkom li jkollu mitt nagħġa u jitlef waħda minnhom, u ma jħallix
id-disgħa u disgħin l-oħra fid-deżert biex imur wara l-mitlufa sa ma jsibha?

5U meta jsibha, jifraħ biha u jerfagħha fuq spallejh,

6imur id-dar, isejjaħ għandu lil ħbiebu u l-ġirien, u jgħidilhom, 'Ifirħu miegħi,
għax sibt in-nagħġa li kienet intilfitli.'

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

7Ngħidilkom li l-istess jiġri fis-smewwiet: ikun hemm aktar ferħ għal midneb wieħed li jindem milli għal disgħa u disgħin bniedem tajjeb li ma kellux bżonn ta' ndiema.

### Il-parabbola tad-drakma l-mitlufa

8"Jew min hi dik il-mara li jkollha għaxar drakmiet u titlef waħda minnhom, li mhijiex sejra tixgħel il-musbieħ u tiknes id-dar, u tibqa' tfittex bil-għaqal sa ma ssibha!

9U meta ssibha, issejjaħ għandha lil ħbiebha u l-ġirien, u tgħidilhom, 'Ifirħu miegħi, għax sibt id-drakma li kienet intilfitli.'

10Ngħidilkom jien li l-istess ferħ ikun hemm fost l-anġli ta' Alla għal midneb wieħed li jindem."

### Il-parabbola tal-iben il-ħali

11Qalilhom ukoll: "Kien hemm raġel li kellu żewġ ulied.

12Iż-żgħir qal lil missieru, 'Missier, agħtini s-sehem li jmiss lili mill-ġid.' U dak qassmilhom il-ġid.

13Ma kinux għaddew wisq ġranet, meta ż-żgħir sarr kollox u telaq minn beltu lejn pajjiż imbiegħed, u hemmhekk berbaq ġidu kollu f'ħajja mtajra.

14Meta ħela kulma kellu, fuq dak il-pajjiż waqa' ġuħ kbir, u beda jħoss ruħu fil-bżonn.

15U mar daħal ma' wieħed minn dak il-pajjiż, li bagħtu fir-raba' tiegħu jirgħa l-ħnieżer.

16Kien jixtieq kieku jimla żaqqu mqar bil-ħarrub li kienu jieklu l-ħnieżer, imma ħadd ma kien jagħtih.

17Imbagħad daħal fih innifsu u qal, 'Kemm lavranti ma' missieri għandhom ħobż bix-xaba', u jien qiegħed hawn immut bil-ġuħ!

18Ħa nqum u mmur għand missieri, u ngħidlu, 'Missier, dnibt kontra s-sema u kontra tiegħek;

19ma jistħoqqlix iżjed nissejjaħ ibnek; żommni b'wieħed mil-lavranti tiegħek.'

20Qam, u telaq għal għand missieru. Iżda kif kien għadu fil-bogħod missieru lemħu u tħassru, u b'ġirja waħda mar inxteħet fuq għonqu u biesu.

21'Missier,' qallu ibnu, 'dnibt kontra s-sema u kontra tiegħek; ma jistħoqqlix iżjed nissejjaħ ibnek.'

22Iżda l-missier qal lill-qaddejja tiegħu, 'Isaw! Ġibulu l-isbaħ libsa u xidduhielu, libbsulu ċ-ċurkett f'sebgħu u s-sandli f'riġlejh!


© 2020 Malta Bible Society.

23Ġibu l-għoġol l-imsemmen u oqtluh, ħa nieklu u nagħmlu festa,

24għax dan ibni kien mejjet u raġa' qam, kien mitluf u nstab!' U bdew jagħmlu festa.

25"Mela ibnu l-kbir kien fl-għalqa. Huwa u rieġa' lura, kif wasal qrib id-dar sama' daqq u żfin.

26Sejjaħ wieħed mill-qaddejja u staqsieh dak x'kien.

27'Hawn ħuk,' qallu dak, 'u missierek qatillu l-għoġol l-imsemmen, għax raġa' kisbu qawwi u sħiħ.'

28Hu inkorla, u ma riedx jidħol ġewwa, iżda missieru ħareġ jitolbu jidħol.

29'Ara,' qal lil missieru, 'ili dawn is-snin kollha naqdik, kelmtek ma ksirthielek qatt, u kieku qatt tajtni gidi lili biex nagħmel ikla u nifraħ ma' ħbiebi!

30Imbagħad jiġi dan ibnek, li belagħlek ġidek man-nisa żienja, u lilu toqtollu l-għoġol l-imsemmen!'

31'Ibni,' qallu missieru, 'inti dejjem miegħi, u kulma hu tiegħi huwa tiegħek.

32Imma kien meħtieġ li nagħmlu festa u nifirħu, għax dan ħuk kien mejjet u raġa' qam, kien mitluf u nstab.' "

## Luqa 16

### L-amministratur moħħu jilħaqlu

1Qal ukoll lid-dixxipli tiegħu: "Kien hemm raġel għani li kellu amministratur, u lil dan xlewh lil sidu li kien qiegħed iberbaqlu ġidu.

2Għalhekk is-sid sejjaħlu u qallu, 'Dan x'inhu li qiegħed nisma' fuqek? Agħtini kont tal-amministrazzjoni tiegħek, għax ma tistax tibqa' iżjed amministratur tiegħi.'

3L-amministratur bejnu u bejn ruħu qal, 'Issa x'sejjer nagħmel, ladarba sidi se jneħħini mill-amministrazzjoni? Immur nagħżaq? Ma niflaħx. Nittallab? Nistħi.

4Naf x'nagħmel, ħalli meta nitwarrab minn fuq din l-amministrazzjoni, insib lil ħaddieħor li jilqagħni għandu.'

5U wieħed wieħed bagħat għal dawk li kellhom jagħtu lil sidu. 'Kemm għandek tagħtih lil sidi?' staqsa lill-ewwel wieħed.

6'Mitt barmil żejt,' wieġbu dak. 'Oħroġ il-karti tiegħek,' qallu l-amministratur, 'oqgħod bilqiegħda malajr u ikteb ħamsin.'

7Lil ieħor staqsieh, 'U int, kemm għandek tagħti?' 'Mitt xkora qamħ,' wieġbu. Qallu, 'Oħroġ il-karti tiegħek u ikteb tmenin.'


© 2020 Malta Bible Society.

8U s-sid faħħru lil dak l-amministratur ħażin talli ħadem b'rasu. Għax ulied din
id-dinja jimxu bil-għaqal aktar minn ulied id-dawl ma' min hu tal-qatgħa
tagħhom.

9U jiena ngħidilkom, agħmlu għalikom infuskom ħbieb ta' qligħ il-ħżunija, ħalli
meta jonqoskom, jilqgħukom fl-għerejjex ta' dejjem.

10Min hu fidil f'ħaġa tassew żgħira, hu fidil ukoll fil-ħafna; min hu diżonest
f'ħaġa tassew żgħira, hu diżonest ukoll fil-ħafna.

11Jekk mela ma wrejtux ruħkom fidili fil-qligħ il-ħażin, min se jafdalkom il-ġid
veru?

12U jekk ma wrejtux ruħkom fidili f'dak li hu ta' ħaddieħor, min se jagħtikom
dak li hu tagħkom?

13Ebda qaddej ma jista' jaqdi żewġ sidien, għax jew ikun jobgħod lil wieħed
minnhom u jħobb lill-ieħor, jew jintrabat ma' wieħed u jistmell lill-ieħor. Ma
tistgħux taqdu lil Alla u lill-flus."

## Tagħlim fuq is-Saltna ta'Alla
(Mt 11,12-13)

14Il-Fariżej, li kellhom ir-regħba għall-flus, meta semgħuh jgħid dan kollu qabdu
jiddieħku bih.

15Iżda hu qalilhom: "Intom dawk li tagħmluha ta' nies sewwa f'għajnejn il-
bnedmin. Imma Alla qalbkom jafha. Għax dak li f'għajnejn il-bnedmin hu kbir,
quddiem Alla hu mistkerrah.

16Sa żmien Ġwanni kien hawn il-Liġi u l-Profeti; minn żmien Ġwanni 'l hawn
qiegħda tixxandar is-Saltna ta' Alla, u kulħadd qiegħed jitħabat bis-sħiħ għaliha.

17Hu aktar ħafif li jgħaddu s-sema u l-art milli taqa' tikka waħda mil-Liġi.

18"Kull min jibgħat lil martu u jiżżewweġ oħra jagħmel adulterju, u min
jiżżewweġ waħda mibgħuta minn żewġha jagħmel adulterju."

## Il-parabbola tal-għani u Lazzru

19"Mela kien hemm raġel għani, jilbes il-porpra u għażel mill-ifjen; l-hena tiegħu
kien li kuljum jagħmel ikla mill-aħjar.

20U wieħed fqir jismu Lazzru, li kellu ġismu ġerħa waħda, kien imur jinxteħet
ħdejn il-bieb ta' daru,

21bix-xewqa li jixba' b'dak li jaqa' mill-mejda tal-għani. Sa l-klieb kienu jmorru
jilagħqu l-ġrieħi tiegħu.

22Ġara li l-fqir miet, u l-anġli ħaduh fi ħdan Abraham. Imbagħad miet ukoll l-
għani, u difnuh.


© 2020 Malta Bible Society.

23Dan, kif sab ruħu fi tbatijiet ħorox f'Art l-Imwiet, rafa' ħarstu, u mill-bogħod
lemaħ lil Abraham, b'Lazzru fi ħdanu.

24U għolla leħnu u qallu, 'Missier Abraham, ikollok ħniena minni u ibgħat lil
Lazzru jbill tarf sebgħu fl-ilma ħa jtaffili n-nixfa li għandi fi lsieni, għax qiegħed
ninħaqar wisq f' dan in-nar.'

25'Ibni,' qallu Abraham, 'ftakar li t-tajjeb tiegħek irċevejtu f'ħajtek; hekk ukoll
Lazzru, il-ħażin irċevieh f'ħajtu. Imma issa hu hawnhekk qiegħed jitfarraġ, waqt
li inti qiegħed tbati.

26Barra minn dan, hemm vojt bla qjies bejnkom u bejnna, biex min ikun irid
jaqsam minn hawn għal għandkom ma jkunx jista', u anqas ma jgħaddu minn
hemm għal għandna.'

27Qallu l-għani, 'Mela nitolbok, missier, ibagħtu f'dar missieri,

28għax għandi ħames aħwa, ħalli jagħmlilhom twissija kif imiss, li ma jmorrux
huma wkoll jiġu f'dan il-post ta' tbatijiet ħorox!'

29Qallu Abraham, 'Għandhom lil Mosè u l-Profeti; jisimgħu lilhom.'

30'Le, missier Abraham,' qallu dak, 'imma jekk imur għandhom xi ħadd mill-
imwiet, jindmu.'

31Iżda wieġbu Abraham, 'Jekk ma jisimgħux lil Mosè u l-Profeti, anqas jekk iqum
xi ħadd mill-imwiet ma jemmnu.' "

## Luqa 17

### Twissijiet ta' Ġesù

(Mt 18,6-7; Mk 9,42)

1Darba lid-dixxipli tiegħu qalilhom: "Ma jistax ikun li ma jingħatawx skandli;
imma ħażin għalih min ikun ħtija tagħhom!

2Ikun aktar jaqbillu jekk jorbtulu ma' għonqu ġebla tat-tħin u jitfgħuh il-baħar
milli jagħti skandlu lil wieħed minn dawn iċ-ċkejknin.

3Oqogħdu attenti! "Jekk ħuk jaqa' f'xi dnub, widdbu, u jekk jindem aħfirlu.

4U jekk jonqsok seba' darbiet f'ġurnata, u jdur lejk seba' darbiet u jgħidlek,
'Jisgħobbija,' aħfirlu."

5L-appostli qalu lill-Mulej: "Kattar fina l-fidi."

6Weġibhom il-Mulej: "Kieku kellkom fidi mqar daqs żerriegħa tal-mustarda,
kontu tgħidu lil din is-siġra tat-tut, 'Inqala' u mur tħawwel fil-baħar,' u hi kienet
tisma' minnkom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

7“Wieħed minnkom ikollu qaddej qiegħed jaħrat jew jirgħa; meta jidħol mill-
għalqa x’se jgħidlu? ‘Ejja, isa, u oqgħod għall-ikel’?

8jew, ‘Lestili x’niekol, ilbes il-fardal u newwilli sa ma niekol u nixrob jien, u
mbagħad tiekol u tixrob int’?

9Jaqaw se jroddlu ħajr lill-qaddej talli jkun għamel li ordnalu?

10Hekk ukoll intom, meta tagħmlu kulma tkunu ordnati, għidu, ‘Aħna qaddejja
li ma niswew għal xejn; għamilna biss dak li kellna nagħmlu.’ ”

### Ġesù jfejjaq għaxar lebbrużi

11Ġara li, huwa u sejjer lejn Ġerusalemm, Ġesù għadda minn bejn is-Samarija u
l-Galilija.

12Kif kien dieħel f’raħal, iltaqgħu miegħu għaxart irġiel morda bil-lebbra. Waqfu
’l bogħod minnu,

13għollew leħinhom u qalulu: “Ġesù, Mgħallem, ikollok ħniena minna!”

14Kif rahom, qalilhom: “Morru uru rwieħkom lill-qassisin.” U ġara li, huma u
sejrin, fiequ mill-marda tagħhom.

15Wieħed minnhom, kif ra ruħu mfejjaq, raġa’ lura jgħajjat u jfaħħar lil Alla,

16inxteħet wiċċu fl-art f’riġlejn Ġesù u raddlu ħajr. Issa dan kien Samaritan.

17U Ġesù qabad u qal: “Mhux l-għaxra fiequ mil-lebbra? Fejn huma d-disgħa l-
oħra?

18Ma kien hemm ħadd minnhom li raġa’ lura biex jagħti glorja lil Alla ħlief dan
il-barrani!”

19Imbagħad qallu: “Qum, mur; il-fidi tiegħek salvatek.”

### Il-miġja tas-Saltna ta’ Alla
(Mt 24,23-28.37-41)

20Il-Fariżej staqsewh meta kienet se tiġi s-Saltna ta’ Alla, u hu weġibhom: “Is-
Saltna ta’ Alla ma tiġix b’sinjali li jidhru;

21lanqas ħadd ma hu se jgħid, ‘Arawha, hawn,’ jew, ‘Hemm’, għax araw, is-Saltna
ta’ Alla fostkom qiegħda.”

22Lid-dixxipli tiegħu qalilhom: “Għad jiġi żmien meta tkunu tixtiequ taraw jum
wieħed minn żmien Bin il-bniedem u ma tarawhx.

23U jgħidulkom, ‘Arawh, hawn hu,’ jew, ‘Arawh, hemm hu!’ Tmorrux, tiġrux
warajhom.

24Għax bħalma berqa tleħħ u tiddi minn tarf għal ieħor tas-sema, hekk jidher
Bin il-bniedem nhar il-Jum tiegħu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

25Iżda qabel xejn hu għandu jbati ħafna minn dan in-nisel u jkun miċħud minnu.

26"U bħalma ġara fi żmien Noè, hekk ukoll jiġri fi żmien Bin il-bniedem.

27Kienu jieklu, jixorbu, jiżżewġu u jżewġu, sa dakinhar li Noè daħal fl-arka;
imbagħad ġie d-dilluvju u qeridhom ilkoll.

28L-istess bħalma ġara fi żmien Lot; kienu jieklu, jixorbu, jixtru, ibigħu, iħawlu,
jibnu,

29imma dak in-nhar li Lot ħareġ minn Sodoma, Alla bagħat xita ta' nar u kubrit
mis-sema u qeridhom ilkoll.

30Hekk ikun il-Jum li fih jidher Bin il-bniedem.

31F'dak il-Jum, min ikun fuq il-bejt u jkollu ħwejġu ġewwa fid-dar, iqis li ma
jinżilx jeħodhom; hekk ukoll min ikun fir-raba', iqis li ma jerġax lura.

32Ftakru fil-mara ta' Lot!

33"Min ifittex isalva ħajtu, jitlifha; iżda min jitlifha, isalvaha.

34Ngħidilkom li, f'dak il-lejl, tnejn ikunu f'sodda waħda: wieħed minnhom
jittieħed u l-ieħor jitħalla;

35żewġ nisa jkunu jitħnu flimkien; waħda minnhom tittieħed u l-oħra titħalla."

37Qalulu: "Fejn, Mulej?" U hu weġibhom: "Fejn ikun hemm il-ġisem mejjet,
hemm l-isqra jinġabru."

## Luqa 18

### Il-parabbola tal-imħallef u l-armla

1Imbagħad qalilhom parabbola biex jurihom li għandhom dejjem jitolbu bla ma
jaqtgħu.

2Qalilhom: "Kien hemm f'belt wieħed imħallef, li la kien jibża' minn Alla u
lanqas iħabbel rasu minn ħadd.

3F'dik il-belt kien hemm waħda armla, u kienet tmur għandu u tgħidlu, 'Agħmilli
ħaqq kontra l-għadu tiegħi.'

4Hu ma riedx, u dam ħafna hekk; iżda mbagħad bejnu u bejn ruħu qal, 'Mhux
għax nibża' minn Alla jew għax se nħabbel rasi min-nies,

5imma għallinqas għax din l-armla dejqitni; ħa nagħmlilha ħaqq, biex ma tibqax
ġejja u sejra sa ma tifnini.' "

6U l-Mulej qal: "Isimgħu ftit x'jgħid l-imħallef il-ħażin.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

7Imbagħad Alla, lill-magħżulin tiegħu li jgħajtulu lejl u nhar, sejjer ma jagħmlilhomx ħaqq? Se joqgħod itawwal magħhom?

8Jiena ngħidilkom li malajr jagħmlilhom ħaqq. Imma taħsbu intom li Bin il-bniedem se jsib il-fidi fuq l-art meta jiġi?"

### Il-parabbola tal-Fariżew u l-pubblikan

9Kien hemm uħud li kienu jafdaw fihom infushom li huma ġusti u kienu jmaqdru lill-oħrajn. Ġesù qalilhom din il-parabbola:

10"Żewġt irġiel, wieħed Fariżew u l-ieħor pubblikan, telgħu fit-tempju biex jitolbu.

11Il-Fariżew, wieqaf, talab hekk f'qalbu, 'O Alla, niżżik ħajr li m'iniex bħall-bqija tal-bnedmin, ħalliela, inġusti, żienja, jew ukoll bħal dan il-pubblikan.

12Jiena nsum darbtejn fil-ġimgħa u nħallas l-għexur ta' kulma ndaħħal.'

13Iżda l-pubblikan, bilwieqfa fil-bogħod anqas biss ried jerfa' għajnejh lejn is-sema, imma beda jħabbat fuq sidru u jgħid: 'O Alla, ħenn għalija, għax jien midneb!'

14Ngħidilkom jien li dan, u mhux l-ieħor, niżel id-dar iġġustifikat. Għax kull min jitkabbar, jiċċekken; u min jiċċekken, jitkabbar."

### Ġesù jbierek it-tfal iż-żgħar
(Mt 19,13-15; Mk 10,13-16)

15Ġabulu wkoll quddiemu t-trabi biex iberikhom. Imma d-dixxipli, kif raw dan, qabdu jgħajtu magħhom.

16Ġesù sejħilhom u qalilhom: "Ħalluhom lit-tfal iż-żgħar jiġu għandi, u żżommuhomx, għax ta' min hu bħalhom hija s-Saltna ta' Alla.

17Tassew ngħidilkom, li min is-Saltna ta' Alla ma jilqagħhiex bħal tifel ċkejken ma jidħolx fiha."

### Il-kap li kien għani
(Mt 19,16-30; Mk 10,17-31)

18Wieħed kap staqsieh u qallu: "Mgħallem tajjeb, x'għandi nagħmel biex nikseb il-ħajja ta' dejjem?"

19"Għaliex qiegħed issejjaħli 'tajjeb'?" qallu Ġesù, "Hadd ma hu tajjeb ħlief Alla waħdu.

20Inti l-kmandamenti tafhom: La tiżnix, la toqtolx, la tisraqx, la tixhidx fil-falz, weġġaħ lil missierek u 'l ommok."

21Dak qallu: "Jiena dan kollu ili nħarsu minn żgħożiti."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

22Kif semgħu jgħid hekk, Ġesù qallu: "Ħaġa waħda tonqsok: bigħ kulma għandek, agħtih lill-foqra, u jkollok teżor fis-smewwiet: imbagħad ejja u imxi warajja."

23Iżda dak, meta semgħu jgħid dan, sewwed qalbu ħafna, għax kien tassew għani.

24Ġesù, meta rah li sewwed qalbu, qal: "Kemm hi iebsa għall-għonja li jidħlu fis-Saltna ta' Alla!

25Għax eħfef li ġemel jgħaddi minn għajn ta' labra milli wieħed għani jidħol fis-Saltna ta' Alla!"

26Dawk li semgħuh qalulu: "Mela min jista' jsalva?"

27Iżda hu weġibhom: "Dak li ma jistax ikun għall-bnedmin, għal Alla jista' jkun."

28Qallu Pietru: "Tajjeb! Aħna ħallejna kulma kellna u ġejna warajk."

29Ġesù qalilhom: "Tassew ngħidilkom, li fost dawk kollha li minħabba s-Saltna ta' Alla jħallu darhom jew lil marthom jew lil ħuthom jew lill-ġenituri tagħhom jew 'l uliedhom,

30ma hemm ħadd fosthom li f'din id-dinja stess ma jirċevix kollox għal mitt darba iktar, u l-ħajja ta' dejjem fiż-żmien li ġej."

### It-tielet taħbira tal-mewt u tal-qawmien
(Mt 20,17-19; Mk 10,32-34)

31Ġesù sejjaħ lejh it-Tnax u qalilhom: "Ara, issa aħna telgħin Ġerusalemm, u jseħħ kulma kitbu l-profeti fuq Bin il-bniedem.

32Għax se jagħtuh f'idejn il-pagani u jiddieħku bih, iżebilħuh u jobżqulu fuqu,

33jagħtuh is-swat u joqtluh, u fit-tielet jum iqum mill-imwiet."

34Iżda minn dan kollu ma fehmu xejn; kien diskors li baqa' mistur għalihom, u ma fehmu xejn milli qal.

### Ġesù jfejjaq l-agħma ta' Ġeriko
(Mt 20,29-34; Mk 10,46-52)

35Ġara li, huwa u riesaq lejn Ġeriko, kien hemm wieħed agħma bilqiegħda mal-ġenb tat-triq jittallab il-karità.

36Dan sama' l-kotra tan-nies għaddejja u beda jistaqsi x'ġara.

37U qalulu li kien għaddej Ġesù ta' Nazaret.

38Hu qabad jgħajjat u jgħid: "Ġesù, Bin David, ikollok ħniena minni!"

39Dawk li kienu mexjin quddiem bdew iċanfruh u jsikktuh, imma hu aktar issokta jgħajjat: "Bin David, ikollok ħniena minni!"


© 2020 Malta Bible Society.

40Ġesù waqaf u ordna li jressquhulu quddiemu. Meta resaq, staqsieh:

41"Xi tridni nagħmillek?" "Li nara, Mulej," wieġbu dak.

42U Ġesù qallu: "Ara, iva! Il-fidi tiegħek salvatek."

43U minnufih beda jara, u baqa' miexi warajh jagħti glorja lil Alla. U l-poplu kollu li ra dan beda jfaħħar lil Alla.

## Luqa 19

### Ġesù u Żakkew

1Ġesù daħal Ġeriko u kien għaddej mit-triq.

2Mela jkun hemm raġel, jismu Żakkew; dan kien wieħed mill-kapijiet tal-pubblikani, u kien għani.

3Kellu xewqa li jara min kien Ġesù, imma ma setax minħabba l-folla, billi kien raġel qasir.

4Għalhekk mar jiġri 'l quddiem u xxabbat ma' siġra tat-tin selvaġġ, għax minn dik in-naħa kien se jgħaddi.

5Ġesù, kif wasal hemm, ħares 'il fuq u qallu: "Żakkew, isa, inżel minn hemm, għax illum jeħtieġli noqgħod għandek."

6Dak niżel bla telf ta' żmien, u kollu ferħan laqgħu għandu.

7In-nies, meta rawh, ilkoll bdew igemgmu bejniethom u jgħidu li għand wieħed midneb daħal jistrieħ.

8Imma Żakkew, wieqaf, qal lill-Mulej: "Ara, Mulej, nofs ġidi se nagħtih lill-foqra, u jekk jien qarraqt b'xi ħadd irroddlu għal erba' darbiet iżjed."

9Qallu Ġesù: "F'din id-dar illum daħlet is-salvazzjoni, għax dan ir-raġel ukoll huwa bin Abraham.

10Għax Bin il-bniedem ġie jfittex u jsalva l-mitluf."

### Il-parabbola tal-għaxar miniet

(Mt 25,14-30)

11Huma u jisimgħu dan, Ġesù żied jgħid parabbola, għax kien qrib Ġerusalemm, u n-nies kien mingħalihom li s-Saltna ta' Alla kienet se tidher minnufih.

12Mela qal: "Wieħed raġel nobbli siefer f'pajjiż fil-bogħod biex jagħmluh sultan u mbagħad jerġa' lura.

13Sejjaħ għaxar qaddejja tiegħu, tahom għaxar miniet u qalilhom: 'Ħaddmuhom, sa ma nerġa' niġi.'


© 2020 Malta Bible Society.

14Issa n-nies ta' pajjiżu kienu jobogħduh, u bagħtu ambaxxata warajh biex jgħidu, 'Ma rriduhx lil dan isaltan fuqna.'

15Ġara li, meta ħa s-saltna u raġa' lura, bagħat isejjaħ lil dawk il-qaddejja li kien tahom il-flus, biex ikun jaf kif ħaddmuhom u x'qalgħu.

16Resaq l-ewwel wieħed u qallu, 'Sinjur, bil-mina tiegħek qlajt għaxar miniet.'

17Qallu, 'Sewwa, qaddej tajjeb! Ladarba kont fidil f'ħaġa tassew żgħira, ħu f'idejk is-setgħa fuq għaxart ibliet.'

18Ġie t-tieni wieħed u qallu, 'Sinjur bil-mina tiegħek daħħalt ħames miniet.'

19Lil dan ukoll qallu, 'U int ħu taħt idejk ħamest ibliet.'

20U ġie ieħor u qallu, 'Sinjur, hawn ara l-mina tiegħek li jien żammejt merfugħa f'maktur.

21Għax jien bżajt minnek billi inti bniedem aħrax, li tfittex dak li ma ħżintx, u taħsad dak li ma żrajtx.'

22Qallu, 'Fuq kliemek stess nagħmel ħaqq minnek, ja qaddej ħażin! Kont taf li jiena bniedem aħrax, infittex dak li ma ħżintx u naħsad dak li ma żrajtx.

23Mela għax ma mortx tqiegħed flusi l-bank biex meta niġi kont niġbidhom bl-imgħax?'

24Imbagħad qal lil ta' madwaru, 'Ħudulu l-mina u agħtuha lil dak li għandu l-għaxar miniet.'

25'Imma, sinjur,' qalulu, 'għandu għaxar miniet!'

26'Ngħidilkom li kull min għandu, jingħatalu; iżda min ma għandux, jitteħidlu saħansitra dak li għandu.

27Lil dawk l-għedewwa tiegħi mbagħad li ma ridunix insaltan fuqhom, morru ġibuhom hawn u agħtuhom il-mewt quddiemi.' "

### Id-daħla messjanika f'Ġerusalemm

(Mt 21,1-11; Mk 11,1-11; Ġw 12,12-16)

28Kif qal dan, Ġesù qabad it-triq u beda tiela' lejn Ġerusalemm, miexi quddiem l-oħrajn.

29U meta wasal qrib Betfaġe u Betanja, ħdejn l-għolja li jgħidulha taż-Żebbuġ, bagħat tnejn mid-dixxipli tiegħu

30u qalilhom: "Morru fir-raħal ta' biswitna; kif taslu, issibu felu marbut li ħadd qatt għadu ma rikeb fuqu. Ħolluh u ġibuh.

31Jekk xi ħadd jistaqsikom għalfejn qegħdin tħolluh, għidulu li l-Mulej għandu bżonnu."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

32Dawk li kienu mibgħuta marru u sabu kollox kif kien qalilhom.

33Huma u jħollu l-felu, is-sidien tiegħu qalulhom: "Għalfejn qegħdin tħolluh il-
felu?"

34U huma wieġbu: "Għax il-Mulej jeħtieġu."

35Imbagħad ġiebu l-felu lil Ġesù, qiegħdu l-imnatar tagħhom fuq il-felu, u rikkbu
lil Ġesù fuqu.

36Huwa u għaddej, firxu l-imnatar tagħhom fit-triq.

37Xħin imbagħad kien qorob lejn in-niżla tal-Għolja taż-Żebbuġ, il-kotra kollha
tad-dixxipli bdiet tfaħħar lil Alla b'għajjat ta' ferħ u b'leħen għoli għall-
għeġubijiet kollha li kienu raw,

38u bdew jgħidu: "Imbierek is-Sultan li ġej f'isem il-Mulej! Sliem fis-sema, u
glorja fl-ogħla tas-smewwiet!"

39Xi wħud mill-Fariżej li kienu qalb il-folla qalulu: "Mgħallem, ċanfarhom lid-
dixxipli tiegħek!"

40Iżda hu weġibhom u qal: "Ngħidilkom li, jekk jisktu huma, jgħajjat il-ġebel."

41Wasal qrib il-belt u, kif raha, beda jibkiha

42u jgħid: "Mhux li għaraft imqar int ukoll f'dan il-jum x'inhu ta' ġid għalik!
Imma issa! Dan hu moħbi minn għajnejk!

43Għax għad jiġi żmien fuqek meta l-għedewwa tiegħek idawruk b'rampa u
jagħlquk minn kullimkien u jrossu fuqek minn kull naħa;

44u jġarrfu lilek u lil uliedek fik, u ma jħallux fik ġebla fuq oħra, talli ma għaraftx
iż-żmien taż-żjara li saritlek!"

### Il-qdusija tat-tempju

(Mt 21,12-17; Mk 11,15-19; Ġw 2,13-22)

45Imbagħad daħal fit-tempju, u qabad ikeċċi 'l barra l-bejjiegħa

46u jgħidilhom: "Hemm miktub, 'Id-dar tiegħi tkun dar it-talb.' Iżda intom
għamiltuha għar tal-ħallelin!"

47U kien jgħallem kuljum fit-tempju. Il-qassisin il-kbar u l-kittieba u l-kbarat tal-
poplu kienu jfittxu li jeqirduh;

48iżda ma kinux jafu x'jaqbdu jagħmlu, għax il-poplu kollu kien imqabbad
miegħu biex jisimgħu.

## Luqa 20

### Il-Lhud jistaqsu dwar is-setgħa ta' Ġesù

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

(Mt 21,23-27; Mk 11,27-33)

1Ġara li, jum wieħed, huwa u jgħallem lin-nies fit-tempju u jxandar l-Evanġelju, resqu fuqu l-qassisin il-kbar u l-kittieba flimkien max-xjuħ

2u staqsewh u qalulu: "Għidilna, int b'liema setgħa qiegħed tagħmel dan kollu? U min hu dak li tahielek din is-setgħa?"

3Hu weġibhom u qal: "Ħa nagħmlilkom mistoqsija jien ukoll. Għiduli,

4il-magħmudija ta' Ġwanni kienet ġejja mis-sema jew mill-bnedmin?"

5Dawk bdew jirraġunaw bejniethom u jgħidu: "Jekk inweġbuh, 'Mis-sema,' jgħidilna, 'Mela għaliex ma emmintuhx?'

6U jekk ngħidulu, 'Mill-bnedmin,' il-poplu kollu jħaġġarna!" Għax kulħadd kien jemmen li Ġwanni kien profeta.

7Għalhekk weġbuh li ma kinux jafu minn fejn.

8U Ġesù qalilhom: "Mela anqas jien ma ngħidilkom b'liema setgħa qiegħed nagħmel dan."

## Il-parabbola tal-għalqa u l-bdiewa

(Mt 21,33-46; Mk 12,1-12)

9Imma lin-nies beda jgħidilhom din il-parabbola: "Kien hemm raġel li ħawwel għalqa dwieli, qabbilha lil xi bdiewa, u mar jagħmel safra twila f'art oħra.

10Meta wasal iż-żmien, bagħat qaddej għand il-bdiewa biex jagħtuh is-sehem li kien imissu mill-frott tal-għalqa. Iżda l-bdiewa sawtuh u reġgħu bagħtuh lura idu f'idu.

11Għal darb'oħra bagħtilhom qaddej ieħor, imma lil dan ukoll darbuh u xeħtuh 'il barra idu f'idu.

12Għat-tielet darba bagħtilhom ieħor, imma lil dan ukoll ferewh u xeħtuh 'il barra.

13'X'naqbad nagħmel?' qal sid l-għalqa; 'ħa nibagħtilhom lil ibni l-għażiż; nittama li minn dan jistħu'.

14Iżda kif rawh il-bdiewa bdew jiftiehmu bejniethom u jgħidu lil xulxin: 'Ara l-werriet! Ejjew noqtluh, biex il-wirt tiegħu jaqa' fuqna.'

15U xeħtuh 'il barra mill-għalqa tad-dwieli u qatluh. Issa x'jagħmlilhom sid l-għalqa?

16Jiġi u jeqred lil dawk il-bdiewa, u l-għalqa tad-dwieli jqabbilha lil ħaddieħor." "Ma jkun qatt!" qalulu meta semgħuh jgħid hekk.

17Iżda Ġesù ħares lejhom u qalilhom: "Mela xi jfisser dak li hemm miktub, 'Il-ġebla li warrbu l-bennejja saret il-ġebla tax-xewka'?

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

18Min jaqa' fuq din il-ġebla jitfarrak, u fuq min taqa' tgħaffġu taħtha."

19Il-kittieba u l-qassisin il-kbar riedu kieku jmiddu idejhom fuqu dak il-ħin
stess, imma beżgħu mill-poplu. Fehmu li dik il-parabbola kien qalha għalihom.

## It-taxxi lil Ċesari

(Mt 22,15-22; Mk 12,13-17)

20Imbagħad huma qagħdu għassa tiegħu u bagħtu għandu lil xi wħud taparsi
nies sewwa biex jonsbuh u forsi jaqbduh f'xi kelma, u hekk ikunu jistgħu
jagħtuh f'idejn il-gvernatur li kellu s-setgħa u l-awtorità.

21Dawk staqsewh u qalulu: "Mgħallem, aħna nafu li inti tgħid u tgħallem is-
sewwa bla ma tħares lejn wiċċ ħadd, imma t-triq ta' Alla tgħallimha kif tassew
hi.

22Sewwa jew le li aħna nħallsu t-taxxa lil Ċesari?"

23Iżda hu ntebaħ bil-ħażen tagħhom u qalilhom:

24"Uruni dinar. Il-wiċċ u l-kitba ta' min huma?" Qalulu: "Ta' Ċesari."

25Imbagħad qalilhom: "U mela agħtu lil Ċesari dak li hu ta' Ċesari, u lil Alla dak
li hu ta' Alla."

26U hekk ma seħħilhomx jaqbduh fil-kelma quddiem il-poplu, u kollhom
mistagħġba għalqu ħalqhom għat-tweġiba tiegħu.

## Il-qawmien mill-imwiet

(Mt 22,23-33; Mk 12,18-27)

27Mela resqu fuqu xi wħud mis-Sadduċej, dawk li jiċħdu l-qawmien mill-imwiet,
u staqsewh:

28"Mgħallem," qalulu, "Mosè ħallielna miktub, 'Jekk wieħed imutlu ħuh
miżżewweġ u dan ikun bla tfal, dak ikollu jiżżewweġ l-armla biex inissel ulied
lil ħuh.'

29Issa jkun hemm sebat aħwa, u l-kbir iżżewweġ u miet bla tfal.

30It-tieni wieħed,

31u mbagħad it-tielet, f'kelma waħda, is-sebgħa li kienu, ħadu l-armla, u mietu
bla ma ħallew tfal.

32Fl-aħħar mietet il-mara wkoll.

33Issa din, fil-qawmien tal-imwiet, mart min minnhom tkun? Għax is-sebgħa
jkunu żżewġuha."

34Weġibhom Ġesù: "Il-bnedmin f'din id-dinja jiżżewġu u jżewġu;


© 2020 Malta Bible Society.

35imma dawk li jkun jistħoqqilhom jgħaddu għad-dinja l-oħra u jqumu mill-imwiet, dawn la jżewġu u lanqas jiżżewġu.

36Għax anqas jistgħu jmutu iżjed, għaliex ikunu bħall-anġli, u huma wlied Alla ladarba qamu mill-imwiet.

37U li l-mejtin iqumu, Mosè wkoll urieh, fir-rakkont tax-xitla tal-għollieq, għax lill-Mulej isejjaħlu Alla ta' Abraham, Alla ta' Iżakk, u Alla ta' Ġakobb.

38Issa hu mhuwiex Alla tal-mejtin, iżda tal-ħajjin, għax għalih kulħadd jgħix."

39Qabżu xi wħud mill-kittieba u qalulu: "Mgħallem, sewwa qiegħed tgħid."

40Għax xejn iżjed ma kellhom il-wiċċ jistaqsuh.

### Mistoqsija dwar Bin David

(Mt 22,41-46; Mk 12,35-37)

41Imbagħad qalilhom: "Din kif inhi li jgħidu li l-Messija huwa bin David?

42Għax David stess jgħid fil-Ktieb tas-Salmi, 'Il-Mulej qal lil Sidi: Oqgħod fuq il-lemin tiegħi,

43 sa ma nkun qegħedt l-għedewwa tiegħek taħt riġlejk.'

44Jiġifieri, David sejjaħlu Sidu; mela kif inhu ibnu?"

### Ġesù jikkundanna l-kittieba

(Mt 23,1-36; Mk 12,38-40; Lq 11,37-54)

45Waqt li l-poplu kollu kien qiegħed jisma', Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu:

46"Iftħu għajnejkom mill-kittieba, li jridu biss iduru mat-toroq bi lbiesi twal, u jħobbu t-tislim fil-pjazez u s-siġġijiet ta' quddiem fis-sinagogi u l-postijiet ewlenin fil-pranzijiet,

47iberbqu ġid ir-romol, u mbagħad għal wiċċ in-nies idumu ħafna jitolbu. Dawn jieħdu kundanna aktar iebsa."

## Luqa 21

### L-offerta tal-armla

(Mk 12,41-44)

1Rafa' għajnejh u ra l-għonja jitfgħu l-offerti tagħhom fit-teżor tat-tempju.

2U ra wkoll waħda armla fqira titfa' biċċtejn żgħar tal-flus,

3u qal: "Ngħidilkom is-sew, din l-armla fqira tefgħet iktar minnhom ilkoll.

4Għax dawn kollha għamlu offerti miż-żejjed tagħhom, imma hi, fil-faqar tagħha, tefgħet dak kollu li kellha biex tgħix."

### Il-qerda tat-Tempju u l-persekuzzjonijiet

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

(Mt 24,1-14; Mk 13,1-13)

5Kien hemm xi wħud li bdew jgħidu fuq kemm it-tempju kien imżejjen b'ġebel
sabiħ u għotjiet; iżda Ġesù qalilhom:

6"Kulma qegħdin taraw, għad jiġi żmien li ma tibqax ġebla fuq oħra minnu li ma
tiġġarrafx."

7U huma staqsewh u qalulu: "Mgħallem, issa dan meta għad jiġri? U x'se jkun is-
sinjal li dawn il-ħwejjeġ ikunu waslu biex iseħħu?"

8Qalilhom: "Araw li ma titqarrqux. Għax għad jiġu ħafna f'ismi u jgħidu, 'Jien hu,'
u, 'Iż-żmien wasal.' Tmorrux warajhom!

9Meta tisimgħu min jitkellem fuq gwerer u taqlib fil-pajjiżi, tinħasdux għax
jeħtieġ li l-ewwel jiġri dan, iżda t-tmiem ma jasalx minnufih."

10Imbagħad qalilhom: "Għad iqum ġens kontra ġens u saltna kontra saltna,

11l-art titheżeż bil-kbir, f'ħafna bnadi jkun hemm il-ġuħ u mard li jittieħed, u fis-
sema jidhru ħwejjeġ tal-biża' u sinjali tal-għaġeb.

12Imma qabel dan kollu jixħtu idejhom fuqkom u jippersegwitawkom,
jagħtukom f'idejn il-mexxejja tas-sinagoga u jitfgħukom il-ħabs, u jeħdukom
quddiem slaten u gvernaturi minħabba f'ismi.

13Dan ikun jiswielkom biex tistgħu tagħtu xhieda.

14U żommu sewwa f'moħħkom: toqogħdux taħsbu minn qabel kif se tiddefendu
ruħkom,

15għax jien nagħtikom kliem u għerf li kull min ikun kontra tagħkom ma jkunx
jista' jiqaflu jew imerih.

16U jittradukom saħansitra l-ġenituri tagħkom u ħutkom u qrabatkom u
ħbiebkom, u lil xi wħud minnkom joqtluhom,

17u kulħadd isir jobgħodkom minħabba f'ismi.

18Imma xagħra waħda minn raskom ma tintilifx.

19Jekk tibqgħu sħaħ sal-aħħar issalvaw ħajjitkom!

### Ġesù jħabbar il-qerda ta' Ġerusalemm

(Mt 24,15-22; Mk 13,14-19)

20"Meta mbagħad taraw lil Ġerusalemm magħluqa minn kullimkien bl-eżerċti,
tkunu tafu li l-qerda tagħha tkun waslet.

21Ha jaħarbu mbagħad lejn il-muntanji dawk li jkunu fil-Lhudija u jitbiegħdu
minnha dawk li jkunu ġo nofsha, u ma jerġgħux lura fiha dawk li jkunu fir-raba';

22għax dawk ikunu jiem il-kastig li fihom iseħħ kulma hemm miktub.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

23Jaħasra għalihom in-nisa li f'dawk il-jiem ikunu tqal jew ireddgħu! Għax
hemm kbir jaqa' fuq il-pajjiż, u korla fuq dan il-poplu.

24In-nies jaqgħu taħt il-qilla tas-sejf, u jittieħdu lsiera fost il-pagani kollha; u
Ġerusalemm tibqa' tintrifes taħt saqajn il-ġnus sa ma jkun għadda żmien il-
ġnus.

### Il-miġja ta' Bin il-bniedem

(Mt 24,29-31; Mk 13,24-27)

25"U jkun hemm sinjali fix-xemx u l-qamar u l-kwiekeb. Il-ġnus fuq l-art,
b'qalbhom ittaqtaq, ma jafux x'jaqbdu jagħmlu minħabba l-ħsejjes tal-baħar u
tal-imwieġ;

26in-nies ruħhom ħierġa bil-biża' billi jobsru x'ikun ġej fuq id-dinja, għax il-
qawwiet tas-smewwiet jitqallbu.

27Imbagħad jaraw lil Bin il-bniedem ġej fi sħaba, b'qawwa u glorja kbira.

28Meta jibda jseħħ dan kollu, qawwu qalbkom u erfgħu raskom, għax il-fidwa
tagħkom hi fil-qrib."

### Tagħlima mis-siġra tat-tin

(Mt 24,32-35; Mk 13,28-31)

29U qalilhom parabbola: "Ħarsu lejn is-siġra tat-tin u s-siġar l-oħra.

30Malli tarawhom jarmu, intom stess tintebħu li s-sajf diġà fil-qrib.

31Hekk ukoll meta taraw dan jiġri, kunu afu li s-Saltna ta' Alla hi fil-qrib.

32Tassew ngħidilkom, li ma jgħaddix dan in-nisel sa ma jiġri dan kollu.

33Is-sema u l-art jgħaddu, imma kliemi ma jgħaddix.

### Ishru

34"Oqogħdu attenti, u qisu li l-ikel u x-xorb żejjed u s-sokor ma jmewtulkomx
qalbkom, u tħallux li l-ħafna tħassib għall-ħtiġiet tal-ħajja jeħdilkom raskom, li
ma ssibuhx dak il-Jum fuqkom għal għarrieda.

35Għax hu Jum li għad jaqa' bħal nassa fuq kull min jgħammar fuq wiċċ l-art
kollha.

36Ishru, mela, u itolbu l-ħin kollu, biex tkunu tifilħu tgħaddu minn kulma
għandu jiġri u tieqfu quddiem Bin il-bniedem."

37Matul il-jum Ġesù kien joqgħod jgħallem fit-tempju, iżda filgħaxija kien joħroġ
barra mill-belt lejn l-Għolja taż-Żebbuġ biex jgħaddi l-lejl hemmhekk.

38Filgħodu mbagħad il-poplu kollu kien imur kmieni fit-tempju biex jisimgħu.

## Luqa 22


© 2020 Malta Bible Society.

## Ftehim kontra Ġesù

(Mt 26,1-5.14-16; Mk 14,1-2.10-11; Ġw 11,45-53)

1Kienet riesqa l-festa tal-Ażżmi, jiġifieri l-Għid.

2Il-qassisin il-kbar u l-kittieba, billi kienu jibżgħu mill-poplu, bdew ifittxu l-mod
kif joqtlu lil Ġesù.

3Imma x-Xitan daħal f'Ġuda, jgħidulu l-Iskarjota, li kien wieħed mit-Tnax,

4u dan mar jiftiehem mal-qassisin il-kbar u l-uffiċjali tat-tempju dwar il-mod kif
jagħtihom lil Ġesù f'idejhom.

5Huma ferħu ħafna, u ftiehmu miegħu li jagħtuh xi flus.

6U hu tahom kelmtu, u beda jara jsibx okkażjoni tajba biex jagħtihom lil Ġesù
f'idejhom bil-moħbi tal-poplu.

## Ġesù jħejji għall-ikla tal-Għid

(Mt 26,17-25; Mk 14,12-21)

7U wasal jum l-Ażżmi, il-jum li fih kien ikollhom jissagrifikaw il-ħaruf tal-Għid.

8Ġesù bagħat lil Pietru u 'l Ġwanni u qalilhom: "Morru ħejjulna l-ikla tal-Għid
ħalli nieklu l-ħaruf."

9"Fejn tridna nħejju?" staqsewh.

10"Araw," qalilhom: "Intom u deħlin il-belt jiltaqa' magħkom raġel iġorr ġarra
ilma. Morru warajh sa ġod-dar fejn jidħol,

11u għidu lil sid dik id-dar: 'Qallek l-Imgħallem: Fejn hi l-kamra tal-ikel li fiha
nista' niekol l-ikla tal-Għid mad-dixxipli tiegħi?'

12U dak jurikom kamra kbira fuq, mgħammra b'kollox. Hejju hemmhekk."

13Marru, u sabu kollox kif kien qalilhom; u ħejjew l-ikla tal-Għid.

## It-twaqqif tal-Ewkaristija

(Mt 26,26-30; Mk 14,22-26; 1 Kor 11,23-25)

14Meta sar il-ħin, qagħad fuq il-mejda flimkien mal-appostli.

15U Ġesù qalilhom: "Kelli xewqa kbira li nagħmel din l-ikla tal-Għid magħkom
qabel ma nbati!

16Għaliex, ngħidilkom, din l-ikla m'iniex se nagħmilha iżjed sa ma tkun seħħet
għalkollox fis-Saltna ta' Alla."

17U qabad kalċi, radd il-ħajr u qal: "Hudu dan il-kalċi u aqsmuh bejnietkom.

18Għaliex, ngħidilkom, minn issa 'l quddiem ma nixrobx iżjed mill-frott tad-
dielja sa ma tiġi s-Saltna ta' Alla."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

19Imbagħad ħa l-ħobż, radd il-ħajr, qasmu, newwilhulhom u qal: "Dan hu ġismi
li jingħata għalikom; agħmlu dan b'tifkira tiegħi."

20Hekk ukoll wara l-ikla ħa l-kalċi u qal: "Dan il-kalċi huwa l-Patt il-Ġdid
b'demmi, id-demm li jixxerred għalikom.

21Imma, araw, id dak li se jittradini qiegħda miegħi fuq il-mejda.

22Għax tassew li Bin il-bniedem imur, kif hemm maqtugħ, imma ħażin għalih
dak il-bniedem li jittradih!"

23Huma għalhekk bdew jistaqsu lil xulxin min minnhom kien se jagħmel dan.

### Min hu l-akbar fis-Saltna ta' Alla

24Inqalgħet ukoll kwistjoni bejniethom dwar min minnhom kellu jinżamm
bħala l-akbar wieħed.

25Imma hu qalilhom: "Fost il-pagani s-slaten jaħkmu fuq in-nies, u dawk li
jħaddmu s-setgħa fuqhom isejħulhom benefatturi.

26Intom mhux hekk, imma l-akbar fostkom għandu jġib ruħu tal-iżgħar wieħed,
u min hu fuq l-oħrajn iġib ruħu ta' qaddej.

27Għax min hu l-akbar, dak li jkun fuq il-mejda, jew dak li jkun qiegħed jaqdi?
Mhux dak li jkun fuq il-mejda? Imma jien qiegħed fostkom nagħmilha ta'
qaddej.

28Intom, imbagħad, intom dawk li żammejtu sħiħ miegħi fit-tiġrib kollu li ġie
fuqi;

29u bħalma Missieri ħejja saltna għalija, hekk ukoll jiena nħejji għalikom,

30biex tieklu u tixorbu fuq il-mejda miegħi f'saltnati, u toqogħdu fuq tronijiet
biex tagħmlu ħaqq mit-tnax-il tribù ta' Iżrael.

### It-taħbira taċ-ċaħda ta' Pietru

(Mt 26,31-35; Mk 14,27-31; Ġw 13,36-38)

31"Xmun! Xmun! Ara, ix-Xitan riedkom f'idejh biex jgħaddikom mill-għarbiel
bħall-qamħ;

32imma jiena tlabt għalik, biex il-fidi tiegħek ma tiġix nieqsa. Inti mbagħad, meta
terġa' lura għas-sewwa, wettaq lil ħutek."

33Qallu Xmun: "Mulej, jiena lest li miegħek niġi saħansitra l-ħabs, lest li nieħu l-
mewt ukoll."

34Imma Ġesù qallu: "Ngħidlek, Pietru, li llum, qabel ma jidden is-serduk, tkun
ċħadt għal tliet darbiet li inti tafni!"

### Twissija ta' Ġesù

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

35Imbagħad qalilhom: "Naqsitkom xi ħaġa meta bgħattkom bla borża u bla
ħorġa u bla qorq!" "Ma naqasna xejn," weġbuh.

36"Imma issa," qalilhom, "min għandu borża jqis li jeħodha miegħu, u min
għandu ħorġa wkoll; u min ma għandux sejf, ibigħ il-libsa ta' fuqu u jixtri
wieħed.

37Għaliex ngħidilkom, jeħtieġ li jseħħ fija dak li hemm miktub, jiġifieri, 'li kien
magħdud mal-ħżiena'. Tabilħaqq, dak li hemm miktub fuqi jseħħ."

38"Mulej," qalulu, "ara, hawn żewġt isjuf hawnhekk." "Biżżejjed!" qalilhom.

### Ġesù jitlob fuq l-Għolja taż-Żebbuġ

(Mt 26,36-46; Mk 14,32-42)

39Imbagħad ħareġ u mar bħas-soltu fuq l-Għolja taż-Żebbuġ, u d-dixxipli wkoll
marru miegħu.

40Kif wasal hemmhekk qalilhom: "Itolbu li ma tidħlux fit-tiġrib."

41Imbagħad tbiegħed minnhom daqs tefgħa ta' ġebla, u nxteħet għarkupptejh
jitlob

42u jgħid: "Missier, jekk inti trid, warrab minni dan il-kalċi! Iżda tkun magħmula
r-rieda tiegħek, u mhux tiegħi."

43Deherlu anġlu mis-sema biex jagħmillu l-qalb,

44imma hu ħass dwejjaq tal-mewt fuqu u beda jitlob b'ħerqa akbar. L-għaraq
sarlu bħal qtar tad-demm iċarċar sal-art.

45Imbagħad qam mit-talb, mar ħdejn id-dixxipli u sabhom reqdin minħabba s-
swied ta' qalb.

46"Kif!" qalilhom "Irqadtu? Qumu u itolbu biex ma tidħlux fit-tiġrib!"

### Ġesù ttradut u arrestat

(Mt 26,47-56; Mk 14,43-50; Ġw 18,3-11)

47Kif kien għadu jitkellem, waslet ġemgħa nies. Quddiem kien hemm dak li
jismu Ġuda, wieħed mit-Tnax, u dan resaq lejn Ġesù biex ibusu.

48Imma Ġesù qallu: "Bewsa għażilt, Ġuda, biex tittradih lil Bin il-bniedem?"

49Dawk ta' madwaru, meta raw x'kien ġej, qalulu: "Mulej, tridx nagħtu bis-sejf?"

50U wieħed minnhom ta daqqa ta' sejf lill-qaddej tal-qassis il-kbir u qatagħlu
barra widintu l-leminija.

51Imma Ġesù qal: "Ieqfu! Biżżejjed!" U messlu widintu u fejqu.

52Imbagħad Ġesù qal lill-qassisin il-kbar, lill-uffiċjali tat-tempju u lix-xjuħ li ġew
għalih: "Qiskom ħriġtu għal xi ħalliel, armati bis-sjuf u l-bsaten!

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

53Meta kont inkun magħkom kuljum fit-tempju, ma meddejtux idejkom fuqi.
Imma din hi s-siegħa tagħkom u s-setgħa tad-dlamijiet!"

### Pietru jiċħad lil Ġesù

(Mt 26,57-58.69-75; Mk 14,53-54.66-72; Ġw 18,12-18.25-27)

54Imbagħad qabdu lil Ġesù u ħaduh magħhom, u daħħluh fil-palazz tal-qassis il-
kbir. Pietru baqa' miexi warajhom mill-bogħod.

55Meta mbagħad qabbdu n-nar f'nofs il-bitħa u nxteħtu bilqiegħda madwaru,
Pietru mar qagħad bilqiegħda f'nofshom.

56Imma kif kien hemm bilqiegħda maġenb in-nar, ratu waħda qaddejja, waħħlet
għajnejha fuqu u qalet: "Dan ukoll kien miegħu!"

57Iżda hu ċaħad u qalilha: "Mara, anqas biss nafu!"

58Wara ftit rah xi ħaddieħor, u qallu: "Int ukoll wieħed minnhom." Imma Pietru
wieġbu: "Le, sieħeb, m'iniex!"

59Għaddiet xi siegħa u raġa' kien hemm ieħor li beda jisħaq u jgħid: "Iva, tassew,
dan ukoll kien miegħu, għax dan ukoll mill-Galilija."

60Iżda Pietru qallu: "Ma nafx x'inti tgħid, sieħeb." U minnufih, kif kien għadu
jitkellem, is-serduk idden.

61U l-Mulej dar u ħares lejn Pietru; u Pietru ftakar fil-kelma li l-Mulej kien qallu,
'Illum, qabel ma jidden is-serduk, inti tkun ġa ċħadtni tliet darbiet.'

62U ħareġ 'il barra jibki b'qalbu maqsuma.

### Ġesù mżeblaħ u msawwat

(Mt 26,67-68; Mk 14,65)

63L-irġiel li kienu qegħdin iżommu lil Ġesù bdew jgħadduh biż-żufjett u
jsawtuh,

64u għattewlu wiċċu u bdew jistaqsuh u jgħidulu: "Aqta' min tahielek din id-
daqqa!"

65U qagħdu jgħajruh b'ħafna kliem ieħor.

### Ġesù quddiem is-Sinedriju

(Mt 26,59-66; 27,2; Mk 14,55-64; 15,1; Ġw 18,19-24)

66Meta sebaħ, iltaqgħet il-ġemgħa tax-xjuħ tal-poplu, il-qassisin il-kbar u l-
kittieba, u ħadu lil Ġesù quddiem is-Sinedriju tagħhom.

67U qalulu: "Jekk inti l-Messija, għidilna." Iżda hu weġibhom: "Jekk ngħidilkom,
ma temmnux;

68jekk nistaqsikom, ma tweġbux.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

69Imma minn issa 'l quddiem Bin il-bniedem ikun bilqiegħda n-naħa tal-lemin ta' Alla li jista' kollox."

70U lkoll qalulu: "Inti mela l-Iben ta' Alla?" "Intom stess qegħdin tgħiduh," qalilhom, "Iva, jien."

71"Xi ħtieġa għandna iżjed ta' xhieda?" qalu huma, "Għax smajnieha aħna minn fommu stess!"

## Luqa 23

### Ġesù quddiem Pilatu

(Mt 27,1-2.11-14; Mk 15,1-5; Ġw 18,28-38)

1Imbagħad qamet il-ġemgħa kollha u ħaduh għand Pilatu.

2U bdew jakkużawh u jgħidu: "Aħna sibna li dan il-bniedem qiegħed ixewwex lill-ġens tagħna, li mhuwiex iħalli lil min iħallas it-taxxa lil Ċesari, u li qiegħed jgħid li hu l-Messija Sultan."

3Pilatu staqsieh u qallu: "Inti s-sultan tal-Lhud?" U hu wieġbu: "Inti qiegħed tgħidu."

4Pilatu qal lill-qassisin il-kbar u lill-kotra tan-nies: "Ebda ħtija ma nsib f'dan il-bniedem."

5Iżda huma baqgħu jinsistu u jgħidu: "Qiegħed ixewwex lill-poplu, u jgħallem fil-Lhudija kollha, ibda mill-Galilija sa hawnhekk stess."

### Ġesù quddiem Erodi

6Kif sama' dan, Pilatu staqsa jekk dak ir-raġel kienx mill-Galilija,

7u meta sar jaf li hu kien min-naħa li kien jagħmel minnha Erodi, bagħtu quddiemu, għax f'dawk il-jiem Erodi wkoll kien Ġerusalemm.

8Erodi feraħ ħafna meta ra lil Ġesù, għax minn dak li kien sama' fuqu kien ilu żmien jixtieq jarah, bit-tama li jara li jagħmel xi sinjal.

9U għamillu bosta mistoqsijiet, imma Ġesù ma wieġbu xejn.

10Il-qassisin il-kbar u l-kittieba, b'saħna kbira fuqhom, qagħdu jakkużawh.

11Imma Erodi, flimkien mas-suldati tiegħu, beda jżebilħu u jgħaddih biż-żufjett, libbsu libsa ta' kulur ilellex u raġa' bagħtu quddiem Pilatu.

12Issa Erodi u Pilatu fl-imgħoddi kellhom għal xulxin, imma dak in-nhar saru ħbieb.

### Ġesù kkundannat għall-mewt

(Mt 27,15-26; Mk 15,6-15; Ġw 18,39—19,16)

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

13Pilatu sejjaħ flimkien il-qassisin il-kbar, il-kapijiet, u l-poplu,

14u qalilhom: "Ġibtuli quddiemi lil dan il-bniedem bħala wieħed li qiegħed ixewwex lill-poplu. Ara, jiena stħarriġtu quddiemkom fuq l-akkużi li qegħdin iġġibu kontra tiegħu, u ma sibt ebda ħtija fih.

15U anqas Erodi ma sab, għax raġa' bagħtu quddiemna. Qegħdin taraw, mela, li ma għamel xejn li ħaqqu l-mewt.

16Għalhekk nagħtih is-swat u nitilqu."

18Iżda huma qabdu jgħajtu lkoll f'daqqa: "Agħtih il-mewt lil dan! Itilqilna 'l Barabba!"

19Dan Barabba kienu tefgħuh il-ħabs minħabba rewwixta li kienet qamet fil-belt għax kien qatel.

20Pilatu, billi ried jitlaq lil Ġesù, għolla leħnu u raġa' kellimhom;

21iżda huma qabdu jgħajtu aktar minnu u jgħidu: "Sallbu! Sallbu!"

22Għat-tielet darba qalilhom: "Imma dan x'għamel ħażin? Ma sibt fih ebda ħtija li ħaqqha l-mewt. Mela nagħtih is-swat u nitilqu."

23Iżda huma b'ħafna għajjat baqgħu jinsistu u jitolbu li jkun imsallab, sakemm fl-aħħar għaddiet tagħhom.

24Għalhekk Pilatu qatagħha li jsir kif talbu huma.

25Telqilhom lil min talbu, jiġifieri lil dak li kien mitfugħ il-ħabs minħabba rewwixta u qtil, u lil Ġesù tahulhom bħalma xtaqu.

### Ġesù msallab
(Mt 27,32-44; Mk 15,21-32; Ġw 19,17-27)

26Huma u sejrin bih, qabdu wieħed, jismu Xmun, minn Ċireni, li kien ġej lura mir-raba', u għabbewh bis-salib biex iġorru wara Ġesù.

27Kotra kbira ta' nies kienet miexja warajh; fosthom kien hemm xi nisa li bdew iħabbtu fuq sidirhom u jibkuh.

28Imma Ġesù dar lejhom u qalilhom: "Nisa ta' Ġerusalemm, mhux lili ibku, iżda ibku lilkom infuskom u lil uliedkom.

29Għax, araw, għad jiġi żmien meta jgħidu, 'Hienja dik li ma għandhiex tfal, hieni l-ġuf li qatt ma wiled u s-sider li qatt ma redda'!

30Imbagħad jibdew jgħidu lill-muntanji, 'Aqgħu fuqna!', u lill-għoljiet, 'Ordmuna!'

31Għax jekk dan kollu qegħdin jagħmluh liz-zokk meta għadu aħdar, mela xi jsir minnu meta jinxef?"

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

32Kien hemm ukoll tnejn oħra, żewġt irġiel ħatja, li ħaduhom għall-mewt
miegħu.

33Meta waslu fil-post jgħidulu l-Qorriegħa, sallbuhom hemm, lilu u lill-ħatja,
wieħed fuq il-lemin tiegħu u l-ieħor fuq ix-xellug.

34U Ġesù qal: "Missier, aħfrilhom, għax ma jafux x'inhuma jagħmlu." Imbagħad
tellgħu x-xorti u qassmu ħwejġu bejniethom.

35Il-poplu waqaf hemm, iħares, waqt li l-kapijiet bdew jiddieħku b'Ġesù u
jgħidu: "Salva lil oħrajn; ħa jsalva lilu nnifsu jekk dan hu l-Messija, il-Maħtur ta'
Alla!"

36Is-suldati wkoll bdew jgħadduh biż-żmien; u resqu lejh, newlulu nbid qares

37u qalulu: "Jekk inti s-sultan tal-Lhud salva lilek innifsek!"

38Fuq rasu kien hemm ukoll kitba li kienet tgħid, 'Dan huwa s-sultan tal-Lhud.'

39Wieħed mill-ħatjin li kienu msallbin miegħu beda jgħajru u jgħidlu: "Int
m'intix il-Messija? Salva lilek innifsek u lilna."

40Imma qabeż l-ieħor, ċanfru u qallu: "Anqas minn Alla int ma tibża', int li
qiegħed taħt l-istess kundanna?

41Tagħna hija ġusta, tassew, għax qegħdin nieħdu li ħaqqna ta' kulma għamilna;
imma dan ma għamel xejn ħażin."

42Imbagħad qal: "Ġesù, ftakar fija meta tidħol fis-Saltna tiegħek."

43U Ġesù wieġbu: "Tassew ngħidlek, illum tkun fil-Ġenna miegħi."

### Il-mewt ta' Ġesù

(Mt 27,45-56; Mk 15,33-41; Ġw 19,28-30)

44Għall-ħabta tas-sitt siegħa waqgħet dalma kbira fuq il-pajjiż kollu sad-disa'
siegħa,

45għax ix-xemx iddallmet. Il-velu tas-santwarju ċċarrat min-nofs.

46Imbagħad Ġesù għajjat għajta kbira u qal: "Missier, f'idejk jien nerħi ruħi." U
kif qal hekk, ħarġet ruħu.

47Iċ-ċenturjun, meta ra x'ġara, beda jfaħħar lil Alla u jgħid: "Tassew li dan
bniedem ġust!"

48U n-nies kollha li kienu nġabru hemm biex jaraw, meta raw dawn il-ġrajja,
reġgħu lura jħabbtu fuq sidirhom.

49Dawk kollha li kienu jafuh qagħdu jaraw kollox mill-bogħod; hekk ukoll xi
nisa li kienu ġew warajh sa minn meta kien għadu fil-Galilija.

### Id-difna ta' Ġesù

(Mt 27,57-61; Mk 15,42-47; Ġw 19,38-42)

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

50U kien hemm wieħed jismu Ġużeppi, membru tal-Kunsill, imma raġel tajjeb u
ġust,

51li ma kienx qabel mal-membri l-oħra f'dak li riedu u f'dak li għamlu. Kien minn
Arimatija, belt tal-Lhudija, u kien jistenna s-Saltna ta' Alla.

52Dan mar għand Pilatu u talbu l-ġisem ta' Ġesù;

53niżżlu mis-salib, keffnu f'liżar, u qiegħdu f'qabar maqtugħ fil-blat, li fih kien
għadu ma tqiegħed ħadd.

54Dak in-nhar kien Jum it-Tħejjija, u s-Sibt kien għoddu beda.

55In-nisa, li kienu ġew mill-Galilija ma' Ġesù marru wara Ġużeppi u raw il-qabar
u kif kienu qiegħdu l-katavru;

56imbagħad reġgħu lura u ħejjew il-fwejjaħ u l-mirra. Is-Sibt għaddewh fil-
mistrieħ, skont il-preċett tal-Liġi.

## Luqa 24

### Il-qawmien ta' Ġesù mill-imwiet

(Mt 28,1-10; Mk 16,1-8; Ġw 20,1-10)

1Kmieni mas-sebħ tal-ewwel jum tal-ġimgħa marru ħdejn il-qabar u ħadu
magħhom il-fwejjaħ li kienu ħejjew.

2Huma sabu l-ġebla mgerba minn quddiem il-qabar,

3imma meta daħlu fih, il-katavru tal-Mulej Ġesù ma sabuhx hemm.

4U kif kienu mħassbin fuq dan, f'daqqa waħda dehrulhom quddiemhom żewġt
irġiel libsin ilbies jiddi.

5In-nisa, mimlijin bil-biża', baxxew għajnejhom lejn l-art; imma dawk
qalulhom: "L-għala qegħdin tfittxuh qalb il-mejtin lil min hu ħaj?

6Mhuwiex hawn, imma qam. Ftakru x'kien qalilkom meta kien għadu fil-Galilija,

7meta qal li jeħtieġ li Bin il-bniedem jingħata f'idejn il-midinbin, ikun mislub, u
fit-tielet jum iqum mill-imwiet."

8U huma ftakru kliemu.

9Telqu lura minn ħdejn il-qabar u marru jagħtu l-aħbar ta' dan kollu lill-Ħdax u
lill-oħrajn kollha.

10Kienu Marija ta' Magdala u Ġwanna u Marija ta' Ġakbu u n-nisa l-oħra li
kellhom magħhom; huma kienu li qalu b'dan lill-appostli.

11Imma d-diskors tagħhom l-appostli stħajluh thewdin, u ma emmnuhomx.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

12Madankollu Pietru qam u mar b'ġirja lejn il-qabar; tbaxxa biex iħares, imma
ma rax ħlief faxex, u raġa' lura d-dar mgħaġġeb b'li kien ġara.

### Fit-triq ta' Għemmaws

(Mk 16,12-13)

13Dak in-nhar stess ġara li tnejn minnhom kienu sejrin lejn raħal jismu
Għemmaws, xi sittin stadju bogħod minn Ġerusalemm,

14jitħaddtu bejniethom fuq kulma kien ġara.

15Huma u jitħaddtu u jitkixxfu bejniethom, Ġesù nnifsu resaq lejhom u baqa'
miexi magħhom.

16Imma għajnejhom kellhom xi jżommhom u ma setgħux jagħrfuh.

17U hu qalilhom: "X'intom tgħidu bejnietkom intom u miexja?" U huma waqfu,
b'ħarsa ta' niket fuq wiċċhom.

18Imbagħad wieħed minnhom, jismu Kleofa, wieġeb u qallu: "Inti waħdek il-
barrani f'Ġerusalemm li ma tafx x'ġara hemmhekk f'dawn il-jiem?"

19"X'ġara?" staqsiehom Ġesù. Qalulu: "Dak li ġara lil Ġesù ta' Nazaret, li kien
profeta setgħan fl-għemil u fil-kliem quddiem Alla u quddiem il-poplu kollu,

20kif il-qassisin il-kbar u l-kapijiet tagħna tawh f'idejn il-gvernatur biex ikun
ikkundannat għall-mewt u sallbuh.

21Aħna konna nittamaw li hu kien dak li kellu jifdi lil Iżrael; iżda issa, fuq kollox
ġa għaddew tlitt ijiem minn dawn il-ġrajja!

22Issa wkoll xi wħud min-nisa tagħna ħasduna, għax marru kmieni ħdejn il-
qabar

23u l-katavru tiegħu ma sabuhx; ġew jgħidu wkoll li dehrulhom xi anġli li
qalulhom li hu ħaj.

24Imbagħad marru ħdejn il-qabar xi wħud minn tagħna u sabu kollox kif kienu
qalu n-nisa, imma lilu ma rawhx!"

25Qalilhom Ġesù: "Kemm intom boloh u tqal biex temmnu kulma qalu l-profeti!

26U ma kellux il-Messija jbati dan kollu u hekk jidħol fil-glorja tiegħu?"

27U beda minn Mosè u l-Profeti kollha jfissrilhom kulma kien hemm fl-
Iskrittura fuqu.

28Meta qorbu lejn ir-raħal fejn kienu sejrin hu għamel ta' birruħu li hu kien se
jibqa' sejjer aktar 'il bogħod.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

29 Iżda huma ġegħluh jibqa' magħhom u qalulu: "Ibqa' magħna, għax issa sar ħafna ħin u l-jum ġa wasal biex jintemm." Imbagħad daħal biex joqgħod magħhom.

30 U waqt li kien fuq il-mejda magħhom, qabad il-ħobż, qal il-barka, qasmu u tahulhom.

31 Imbagħad infetħulhom għajnejhom u għarfuh, iżda hu għab minn quddiemhom.

32 U wieħed lill-ieħor bdew jgħidu: "Ma kinitx imkebbsa qalbna ġewwa fina huwa u jkellimna fit-triq u jfissrilna l-Iskrittura?"

33 Dak il-ħin stess qamu u reġgħu lura Ġerusalemm. Hemm sabu lill-Ħdax u lil sħabhom miġbura flimkien,

34 u dawn qalulhom: "Il-Mulej qam tassew, u deher lil Xmun!"

35 U huma wkoll tarrfulhom x'kien ġralhom fit-triq, u kif kienu għarfuh fil-qsim tal-ħobż.

### Ġesù jidher lid-dixxipli tiegħu
(Mt 28,16-20; Mk 16,14-18; Ġw 20,19-23; Atti 1,6-8)

36 Kif kienu għadhom jitkellmu, Ġesù nnifsu waqaf f'nofshom u qalilhom: "Is-sliem għalikom!"

37 Huma twerwru bil-biża' għax ħasbu li qegħdin jaraw xi fantażma.

38 Iżda hu qalilhom: "Għaliex tħawwadtu? Għaliex dan it-tħassib kollu f'qalbkom?

39 Araw idejja u riġlejja. Jiena hu! Missuni, u ifhmuha li l-ispirtu ma għandux laħam u għadam bħalma qegħdin taraw li għandi jien."

40 Huwa u jgħidilhom dan, uriehom idejh u riġlejh.

41 Iżda billi huma, fil-ferħ tagħhom, kienu għadhom ma jridux jemmnu u baqgħu mistagħġba, qalilhom: "Għandkom xi ħaġa tal-ikel hawn?"

42 Huma ressqulu quddiemu biċċa ħuta mixwija,

43 u hu ħadha u kielha quddiemhom.

44 Imbagħad qalilhom: "Meta kont għadni magħkom għedtilkom dawn il-kelmiet, 'Jeħtieġ li jseħħ kulma nkiteb fuqi fil-Liġi ta' Mosè, fil-Profeti u fis-Salmi.' "

45 Imbagħad fetħilhom moħħhom biex jifhmu l-Iskrittura.

46 U qalilhom: "Hekk kien miktub, li l-Messija jbati u fit-tielet jum iqum mill-imwiet,

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

47u li l-indiema għall-maħfra tad-dnubiet tixxandar f'ismu lill-ġnus kollha, ibda minn Ġerusalemm.

48Intom xhud ta' dan.

49U jiena, araw, nibgħat fuqkom lil dak li wiegħed Missieri. Imma intom ibqgħu fil-belt, sa ma Alla jkun libbiskom bil-qawwa tiegħu."

### It-tlugħ ta' Ġesù fis-sema

(Mk 16,19; Atti 1,9-11)

50Imbagħad ħadhom sa ħdejn Betanja, u rafa' idejh u berikhom.

51U ġara li, huwa u jberikhom, infired minnhom u kien meħud fis-sema.

52Huma nxteħtu fl-art jagħtuh qima, u mimlijin b'ferħ kbir reġgħu lura lejn Ġerusalemm,

53u qagħdu l-ħin kollu fit-tempju jbierku lil Alla.


© 2020 Malta Bible Society.

## Ġwanni 1

### Il-Verb sar bniedem

1Fil-bidu kien il-Verb, u l-Verb kien ma' Alla, u l-Verb kien Alla.

2Hu kien fil-bidu ma' Alla.

3Kollox bih sar, u xejn ma sar mingħajru; kulma sar

4kellu l-ħajja fih, u l-ħajja kienet id-dawl tal-bnedmin.

5Id-dawl jiddi fid-dlam, imma d-dlam ma għelbux.

6Kien hemm raġel mibgħut minn Alla, jismu Ġwanni.

7Dan ġie bħala xhud, biex jixhed għad-dawl, biex bih kulħadd jemmen.

8Ġwanni ma kienx id-dawl, imma ġie biex jixhed għad-dawl,

9dak id-dawl veru, li jdawwal kull bniedem, huwa u ġej fid-dinja.

10Kien fid-dinja, u d-dinja saret bih, imma d-dinja ma għarfitux.

11Ġie f'daru, u niesu ma laqgħuhx.

12Imma lil dawk li laqgħuh tahom is-setgħa li jsiru wlied Alla, dawk li jemmnu f'ismu,

13li twieldu mhux mid-demm, anqas mill-ġibda tal-ġisem, u anqas mir-rieda tal-bniedem, iżda minn Alla.

14U l-Verb sar bniedem u għammar fostna, u aħna rajna l-glorja tiegħu, il-glorja li għandu mill-Missier bħala Ibnu l-waħdieni, mimli bil-grazzja u l-verità.

15Ġwanni ta xhieda fuqu meta għajjat u qal: "Dan hu li għalih għedtilkom, 'Jiġi warajja, imma hu aqwa minni, għax kien minn qabli.' "

16Għax mill-milja tiegħu aħna lkoll ħadna, grazzja fuq grazzja.

17Alla ta l-Liġi permezz ta' Mosè imma l-grazzja u l-verità seħħew permezz ta' Ġesù Kristu.

18Lil Alla għadu ħadd ma rah; imma għarrafhulna l-Iben il-waħdieni ta' Alla, li hu fi ħdan il-Missier.

### Ix-xhieda ta' Ġwanni l-Battista

(Mt 3,1-12; Mk 1,1-8; Lq 3,1-18)

19Ix-xhieda ta' Ġwanni kienet din: meta l-Lhud ta' Ġerusalemm bagħtu għandu xi qassisin u Leviti biex jistaqsuh, "Int min int?",

20hu stqarr bla ma ċaħad: "Jien m'iniex il-Messija."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

21Huma reġgħu staqsewh: "Mela min int? Elija?" "M'iniex," qalilhom. "Int il-Profeta?" "Le," weġibhom.

22Imbagħad qalulu: "Mela min int? Biex nagħtu tweġiba lil dawk li bagħtuna. Min tgħid li int?"

23U hu wieġeb kif qal il-profeta Isaija: "Jiena l-leħen ta' wieħed jgħajjat fid-deżert: 'Wittu t-triq tal-Mulej.' "

24Issa dawk il-messaġġiera kienu min-naħa tal-Fariżej.

25Huma staqsewh: "Mela kif qiegħed tgħammed la m'intix il-Messija, u la Elija u lanqas il-Profeta?"

26"Jiena ngħammed bl-ilma," weġibhom Ġwanni, "imma f'nofskom hemm wieħed li intom ma tafuhx,

27u li ġej warajja; jiena anqas ma jistħoqqli nħoll il-qafla tal-qorq tiegħu."

28Dan ġara f'Betanja, in-naħa l-oħra tal-Ġordan, fejn Ġwanni kien jgħammed.

**Il-Ħaruf ta' Alla**

29L-għada Ġwanni ra lil Ġesù riesaq lejh, u qal: "Araw il-Haruf ta' Alla, li jneħħi d-dnub tad-dinja.

30Dan hu li għalih għedtilkom, 'Warajja ġej bniedem li hu aqwa minni, għax kien qabli.'

31Anqas jien stess ma kont nafu; imma jien għalhekk ġejt ngħammed bl-ilma, biex hu jkun mgħarraf lil Iżrael."

32U Ġwanni xehed għalih u qal: "Jiena rajt l-Ispirtu nieżel mis-sema bħal ħamiema u joqgħod fuqu.

33Tabilħaqq, anqas jien ma kont nafu; imma dak li bagħatni ngħammed bl-ilma, hu stess qalli, 'Fuq min tara l-Ispirtu jinżel u joqgħod, dak hu li jgħammed bl-Ispirtu s-Santu.'

34Dan rajtu b'għajnejja, u għalhekk xhedt, 'Dan hu l-Iben ta' Alla'."

**L-ewwel dixxipli**

35L-għada Ġwanni raġa' kien hemm ma' tnejn mid-dixxipli tiegħu.

36Hares lejn Ġesù li kien għaddej minn hemm, u qal: "Araw il-Haruf ta' Alla."

37Iż-żewġ dixxipli semgħuh jgħid dan, u marru wara Ġesù.

38Ġesù dar u rahom mexjin warajh, u qalilhom: "Xi tridu?" Iżda huma staqsewh: "Fejn toqgħod, Rabbi?" - li tfisser Mgħallem.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

39Hu weġibhom: "Ejjew u taraw." U marru miegħu u raw fejn kien joqgħod, u
dak in-nhar baqgħu miegħu. Kien ħabta tal-għaxar siegħa.

40Wieħed mit-tnejn li semgħu x'kien qal Ġwanni u marru wara Ġesù kien Indrì,
ħu Xmun Pietru.

41L-ewwel ma għamel mar isib lil ħuh Xmun, u qallu: "Sibna l-Messija" - li tfisser
Kristu.

42U ħadu għand Ġesù. Ġesù ħares lejh u qallu: "Inti Xmun, bin Ġwanni. Inti
tissejjaħ Kefa" - jew Pietru.

**Ġesù jsejjaħ lil Filippu u 'l Natanjel**

43L-għada Ġesù ddeċieda li jitlaq lejn il-Galilija. Sab lil Filippu u qallu: "Ejja
warajja."

44Filippu kien minn Betsajda, il-belt ta' Indrì u Pietru.

45Filippu sab lil Natanjel u qallu: "Sibna lil dak li fuqu kitbu Mosè fil-Liġi, u l-
profeti fil-kotba tagħhom: Ġesù minn Nazaret, bin Ġużeppi."

46Qallu Natanjel: "Tista' toħroġ xi ħaġa tajba minn Nazaret?" "Ejja u ara,"
wieġbu Filippu.

47Meta Ġesù ra lil Natanjel riesaq lejh qal għalih: "Ara, dan tassew wieħed minn
Iżrael li jixraqlu dan l-isem; ma hemm ebda qerq fih."

48Natanjel staqsieh: "Kif sirt tafni?" U Ġesù wieġbu: "Rajtek taħt is-siġra tat-
tin qabel ma sejjaħlek Filippu."

49"Rabbi," qallu Natanjel, "int l-Iben ta' Alla, inti s-sultan ta' Iżrael!"

50Ġesù wieġbu: "Qiegħed temmen għax għedtlek li rajtek taħt is-siġra tat-tin?
Għad tara ħwejjeġ akbar minn dawn!"

51U żied jgħidlu: "Tassew tassew ngħidilkom, għad taraw is-sema miftuħ u l-
anġli ta' Alla telgħin u niżlin fuq Bin il-bniedem."

## Ġwanni 2

**It-tieġ f'Kana**

1Imbagħad fit-tielet jum sar tieġ f'Kana tal-Galilija, u omm Ġesù kienet hemm.

2Ġesù kien mistieden għat-tieġ hu wkoll flimkien mad-dixxipli tiegħu.

3Billi ma kienx fadal iżjed inbid, omm Ġesù qaltlu: "Ma għandhomx inbid."

4U Ġesù qalilha: "X'hemm bejni u bejnek, mara? Is-siegħa tiegħi għadha ma
waslitx."


© 2020 Malta Bible Society.

5 Omm Ġesù qalet lill-qaddejja: "Agħmlu kulma jgħidilkom hu."

6 Issa kien hemm sitt ġarar tal-ħaġar, imqiegħda hemm għar-rit tal-purifikazzjoni tal-Lhud, kull waħda minnhom tasa' xi mitt jew mija u għoxrin litru.

7 Ġesù qal lill-qaddejja: "Imlew il-ġarar bl-ilma." U dawk imlewhom sax-xifer.

8 Imbagħad qalilhom: "Issa ħudu minnu u newluh lil dak li qiegħed jieħu ħsieb il-mejda." U huma marru jagħtuhulu.

9 Hu daq l-ilma mibdul fi nbid; u billi ma kienx jaf mnejn ġie, għalkemm il-qaddejja li ħadu mill-ilma kienu jafu, sejjaħ lill-għarus

10 u qallu: "Kulħadd l-inbid it-tajjeb iservi l-ewwel; meta mbagħad ikun ħadhom iġibu dak li jkun inqas tajjeb. Imma int l-inbid it-tajjeb erfajtu sa issa."

11 Dan li għamel Ġesù f'Kana tal-Galilija kien l-ewwel wieħed fost is-sinjali tiegħu. Bih wera l-glorja tiegħu u d-dixxipli tiegħu emmnu fih.

12 Wara dan, niżel Kafarnahum, hu, ommu, ħutu u d-dixxipli tiegħu, iżda ma qagħdux hemm għal ħafna żmien.

## Il-qdusija tat-tempju

(Mt 21,12-13; Mk 11,15-17; Lq 19,45-46)

13 Kien qorob l-Għid tal-Lhud, u Ġesù tela' Ġerusalemm.

14 Fit-tempju sab min qiegħed ibigħ barrin, nagħaġ u ħamiem, u min kien bilqiegħda jsarraf il-flus.

15 Għamel sawt mill-ħbula, u keċċiehom ilkoll 'il barra mit-tempju, bin-nagħaġ u l-barrin tagħhom; xerred il-flus ta' dawk li kienu jsarrfu, u qalbilhom l-imwejjed.

16 U lill-bejjiegħa tal-ħamiem qalilhom: "Warrbu dawn minn hawn, u dar Missieri tagħmluhiex dar tan-negozju!"

17 Id-dixxipli ftakru f'dak li kien hemm miktub fl-Iskrittura, "Il-ħeġġa għal darek fnietni.'

18 Imbagħad il-Lhud qabdu u qalulu: "X'sinjal se turina li inti tista' tagħmel dan?"

19 Ġesù weġibhom: "Ħottu dan it-tempju, u fi tlitt ijiem nerġa' ntellgħu."

20 Għalhekk il-Lhud qalulu: "Dan it-tempju ħa sitta u erbgħin sena biex inbena, u int se ttellgħu fi tlitt ijiem?"

21 Iżda hu tkellem fuq it-tempju tal-ġisem tiegħu.

22 Meta mbagħad qam mill-imwiet, id-dixxipli tiegħu ftakru f'dan li kien qal, u emmnu fl-Iskrittura u fil-kliem li kien qal Ġesù.

## Ġesù jaf lil kulħadd

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

23Waqt li kien Ġerusalemm għall-festa tal-Għid, kien hemm ħafna li emmnu f'ismu billi raw is-sinjali li kien jagħmel.

24Imma Ġesù, min-naħa tiegħu, ma kienx jafda fihom, għax hu kien jaf lil kulħadd

25u ma kellux bżonn min jagħtih xhieda fuq il-bniedem, għax hu stess kien jaf x'hemm fil-bniedem.

## Ġwanni 3

### Ġesù u Nikodemu

1Kien hemm fost il-Fariżej raġel jismu Nikodemu, wieħed mill-kbarat tal-Lhud.

2Dan ġie għand Ġesù billejl u qallu: "Rabbi, aħna nafu li inti Mgħallem mibgħut minn Alla; għax ħadd ma jista' jagħmel is-sinjali li qiegħed tagħmel int jekk ma jkunx Alla miegħu."

3Ġesù wieġbu: "Tassew tassew ngħidlek li jekk wieħed ma jitwelidx mill-ġdid, ma jistax jara s-Saltna ta' Alla."

4Qallu Nikodemu: "Kif jista' wieħed jitwieled wara li jkun xjieħ? Jista' forsi jerġa' jidħol f'ġuf ommu u jitwieled?"

5Wieġbu Ġesù: "Tassew tassew ngħidlek, li jekk wieħed ma jitwelidx mill-ilma u l-Ispirtu, ma jistax jidħol fis-Saltna ta' Alla.

6Dak li jitwieled mill-ġisem hu ġisem; u dak li jitwieled mill-Ispirtu hu spirtu.

7La tistagħġibx jekk jiena għedtlek li jeħtiġilkom titwieldu mill-ġdid.

8Ir-riħ fejn irid jonfoħ; tisma' ħossu, imma ma tafx mnejn hu ġej jew fejn hu sejjer. Hekk jiġri minn kull min jitwieled mill-Ispirtu."

9"Kif qatt jista' jkun dan?" raġa' qallu Nikodemu.

10U Ġesù qallu: "Inti mgħallem f'Iżrael u dan ma tafux?

11Tassew tassew ngħidlek li aħna qegħdin nitħaddtu fuq dak li nafu, u qegħdin nagħtu xhieda ta' dak li rajna, imma x-xhieda tagħna ma tilqgħuhiex.

12Jekk intom ma temmnux meta nitkellem magħkom fuq il-ħwejjeġ tal-art, kif sejrin temmnu meta nkellimkom fuq il-ħwejjeġ tas-sema?

13Ħadd ma tela' s-sema ħlief Bin il-bniedem, li niżel mis-sema.

14U kif Mosè rafa' s-serp fid-deżert, hekk jeħtieġ li jkun merfugħ Bin il-bniedem,

15biex kull min jemmen fih ikollu l-ħajja ta' dejjem.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

16Għax Alla hekk ħabb lid-dinja li ta lil Ibnu l-waħdieni, biex kull min jemmen
fih ma jintilifx, iżda jkollu l-ħajja ta' dejjem.

17Għax Alla ma bagħatx lil Ibnu fid-dinja biex jagħmel ħaqq mid-dinja, imma
biex id-dinja ssalva permezz tiegħu.

18Min jemmen fih ma jkunx ikkundannat; iżda min ma jemminx huwa ġa
kkundannat, għax ma emminx fl-isem tal-Iben il-waħdieni ta' Alla.

19U l-ġudizzju huwa dan: li d-dawl ġie fid-dinja, imma l-bnedmin ħabbew id-
dlam aktar mid-dawl, għax l-għemil tagħhom kien ħażin.

20Għax kull min jagħmel il-ħażen jobgħod id-dawl, u ma jersaqx lejn id-dawl,
biex għemilu ma jinkixifx.

21Imma min jagħmel is-sewwa jersaq lejn id-dawl, biex juri li hemm Alla
f'għemilu."

### Ġesù u Ġwanni l-Battista

22Wara dan, Ġesù ġie mad-dixxipli tiegħu fl-art tal-Lhudija, u baqa' hemm
magħhom jgħammed.

23Ġwanni wkoll kien qiegħed jgħammed f'Għajnun, qrib Salim, għax f'dik in-
naħa kien hemm ħafna ilma; u n-nies kienet tiġi biex titgħammed.

24Sa issa lil Ġwanni kienu għadhom ma tefgħuhx fil-ħabs.

25Ġara mela li d-dixxipli ta' Ġwanni tlewmu ma' wieħed Lhudi fuq ir-rit tal-
purifikazzjoni,

26u ġew għand Ġwanni jgħidulu: "Rabbi, kien hemm raġel miegħek in-naħa l-
oħra tal-Ġordan, dak li int xhedt għalih. Issa, ara, hu qiegħed jgħammed, u
kulħadd sejjer għandu."

27Ġwanni weġibhom: "Hadd ma jista' jirċievi xi ħaġa jekk ma tingħatalux mis-
sema.

28Intom stess tistgħu tixhdu li jiena għedtilkom li 'jien m'iniex il-Messija,' imma
biss li 'jien kont mibgħut qablu.'

29Dak li għandu l-għarusa huwa l-għarus; imma l-ħabib tal-għarus, li jkun ħdejh
u jisimgħu, jifraħ ħafna meta jisma' leħen l-għarus. U dan hu l-ferħ li bih qalbi
mtliet.

30Jenħtieġ jikber hu u niċkien jiena."

### Dak li hu ġej minn fuq

31"Dak li hu ġej minn fuq hu fuq kulħadd; min hu mill-art hu tal-art u jgħid
ħwejjeġ tal-art; dak li hu ġej mis-sema hu fuq kulħadd


© 2020 Malta Bible Society.

32u jixhed dak li ra u sama'; imma x-xhieda tiegħu ħadd ma jilqagħha.

33Min ikun laqa' x-xhieda tiegħu jkun wettaq li Alla hu l-verità.

34Għax dak li bagħtu Alla jgħid il-kliem ta' Alla, għax Alla ma jagħtix l-Ispirtu bil-
kejl.

35Il-Missier iħobb lill-Iben, u ħalla kollox f'idejh.

36Min jemmen fl-Iben għandu l-ħajja ta'dejjem; iżda min ma joqgħodx għall-
Iben ma jarax il-ħajja, imma tibqa' fuqu l-korla ta' Alla."

# Ġwanni 4

### Ġesù u s-Samaritana

1Il-Fariżej semgħu li Ġesù kien qiegħed jiġbor u jgħammed dixxipli iżjed minn
Ġwanni. U Ġesù sar jaf b'dan,

2għalkemm hu nnifsu ma kienx jgħammed, imma d-dixxipli tiegħu;

3għalhekk telaq mil-Lhudija u raġa' mar fil-Galilija.

4U kellu jgħaddi mis-Samarija.

5Ġie f'belt tas-Samarija, jisimha Sikar, qrib il-biċċa art li Ġakobb kien ta lil ibnu
Ġużeppi,

6fejn kien hemm ukoll il-bir ta' Ġakobb. Kien għall-ħabta tas-sitt siegħa, u Ġesù,
għajjien kif kien mill-mixi, qagħad bilqiegħda ħdejn il-bir.

7U ġiet mara mis-Samarija timla l-ilma. "Agħtini nixrob," qalilha Ġesù.

8Id-dixxipli tiegħu kienu marru l-belt jixtru x'jieklu.

9Il-mara mis-Samarija qaltlu: "Kif! Inti Lhudi u titlob lili, Samaritana, biex
nagħtik tixrob?" Qaltlu hekk għax il-Lhud ma jitħalltux mas-Samaritani.

10Ġesù weġibha: "Kieku kont taf id-don ta' Alla u min hu dak li qiegħed jgħidlek,
'Agħtini nixrob,' kieku int kont titolbu, u hu kien jagħtik ilma ħaj."

11Qaltlu l-mara: "Sinjur, mnejn se ġġib l-ilma ħaj jekk anqas biex timla ma
għandek u l-bir huwa fond?

12Jaqaw int aqwa minn missierna Ġakobb li tana dan il-bir, li minnu xorob hu u
wliedu u l-imrieħel tiegħu?"

13Weġibha Ġesù: "Kull min jixrob minn dan l-ilma jerġa' jagħtih l-għatx;

14imma min jixrob mill-ilma li nagħtih jien qatt iżjed ma jkun bil-għatx. L-ilma
li nagħtih jien isir fih għajn tal-ilma li jwassal sal-ħajja ta' dejjem."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

15Qaltlu l-mara: "Agħtini dan l-ilma, Sinjur, biex ma jaqbadnix l-għatx, u anqas ma noqgħod ġejja u sejra hawn nimla l-ilma."

16Qalilha Ġesù: "Mur sejjaħ lil żewġek u erġa' ejja hawn."

17Weġbitu l-mara: "Ma għandix żewġi." Qalilha Ġesù: "Sewwa għedt, 'ma għandix żewġi.'

18Inti żżewwiġt ħames darbiet, u r-raġel li għandek miegħek bħalissa m'huwiex żewġek. Sewwa weġibt!"

19Qaltlu l-mara: "Int profeta, Sinjur, milli qiegħda nara.

20Missirijietna kienu jaduraw lil Alla fuq din il-muntanja; imma intom tgħidu li l-post fejn wieħed għandu jadura lil Alla jinsab f'Ġerusalemm."

21Qalilha Ġesù: "Emminni, mara, jiġi żmien meta mhux fuq din il-muntanja taduraw lill-Missier, anqas f'Ġerusalemm.

22Intom taduraw lil dak li ma tafux; aħna naduraw lil dak li nafu, għax is-salvazzjoni ġejja mil-Lhud.

23Imma tiġi siegħa, anzi issa hi, meta dawk li tassew jaduraw jibdew jaduraw lill-Missier fl-ispirtu u l-verità. Għax il-Missier ukoll, nies bħal dawn ifittex li jadurawh.

24Alla huwa spirtu, u dawk li jadurawh għandhom jadurawh fl-ispirtu u l-verità."

25Qaltlu l-mara: "Jiena naf li ġej il-Messija, - dak li jgħidulu Kristu. Meta jiġi hu, kollox iħabbrilna."

26Qalilha Ġesù: "Jiena hu, li qiegħed nitkellem miegħek."

27Fil-ħin ġew id-dixxipli tiegħu, u stagħġbu jarawh jitkellem ma' mara; iżda ħadd minnhom ma staqsieh, 'Xi trid?', jew, 'Għax qiegħed titkellem magħha?'

28Il-mara ħalliet il-ġarra hemmhekk, reġgħet daħlet il-belt u qalet lin-nies:

29"Ejjew araw bniedem li qalli kulma għamilt. Tgħid, dan il-Messija?"

30U n-nies ħarġu mill-belt u ġew ħdejh.

31Sadattant id-dixxipli bdew jitolbuh u jgħidulu: "Rabbi, kul!"

32Iżda hu qalilhom: "Jien għandi ikel x'niekol li intom ma tafux bih."

33Id-dixxipli għalhekk bdew jistaqsu lil xulxin: "Jaqaw ġie xi ħadd u ġieblu x'jiekol?"

34Qalilhom Ġesù: "L-ikel tiegħi hu li nagħmel ir-rieda ta' min bagħatni u li nwassal fit-tmiem l-opra tiegħu.


© 2020 Malta Bible Society.

35Intom ma tgħidux li baqa' erba'xhur oħra għall-ħsad? Imma araw x'ngħidilkom jien: erfgħu għajnejkom u ħarsu ftit kif l-għelieqi bjadu għall-ħsad!

36Ġa l-ħassad qiegħed jieħu ħlasu u jiġbor il-frott għall-ħajja ta' dejjem, biex min jiżra' jifraħ hu wkoll bħal min jaħsad.

37F'dan taraw kemm sewwa jingħad li wieħed jiżra' u l-ieħor jaħsad.

38Jiena bgħattkom taħsdu dak li ma tħabattux għalih intom; kienu oħrajn li tħabtu, u intom dħaltu flokhom biex tgawdu l-frott tat-taħbit tagħhom."

39Kien hemm ħafna Samaritani minn dik il-belt li emmnu f'Ġesù fuq ix-xhieda li tathom dik il-mara meta qaltilhom: 'Qalli kulma għamilt,'

40tant, li meta s-Samaritani ġew ħdejh, bdew jitolbuh biex jibqa' magħhom, u hu qagħad hemm jumejn.

41Imbagħad ħafna oħrajn emmnu minħabba kliemu,

42u lill-mara qalulha: "issa mhux għax għedtilna int qegħdin nemmnu, imma għax aħna wkoll smajnieh, u sirna nafu li dan tassew hu s-salvatur tad-dinja."

**Ġesù jfejjaq bin uffiċjal**

43Wara dawk il-jumejn Ġesù telaq minn hemm lejn il-Galilija;

44għax Ġesù stess xehed li profeta ma għandux ġieħ f'pajjiżu.

45Mela meta wasal il-Galilija, il-Galilin laqgħuh tajjeb billi lkoll raw kulma kien għamel f'Ġerusalemm f'jum il-festa, għax huma wkoll kienu marru għall-festa.

46U raġa' ġie f'Kana tal-Galilija, fejn kien biddel l-ilma fi nbid. Issa f'Kafarnahum kien hemm uffiċjal tas-sultan u kellu lil ibnu marid.

47Meta sama' li mil-Lhudija Ġesù kien ġie fil-Galilija, mar għandu jitolbu jinżel u jfejjaqlu lil ibnu, għax kien wasal fl-aħħar.

48U Ġesù qallu: "Jekk ma tarawx sinjali u għeġubijiet ma temmnux!"

49Qallu l-uffiċjal: "Inżel Mulej, qabel ma jmutli t-tifel!"

50Qallu Ġesù: "Mur, ibnek ħaj." Ir-raġel emmen il-kelma li qallu Ġesù u telaq.

51Huwa u nieżel, iltaqgħu miegħu l-qaddejja tiegħu u qalulu: "Ibnek ħaj."

52Hu staqsiehom xħin kien meta beda jaqleb għall-aħjar, u huma qalulu: "Ilbieraħ fis-seba' siegħa telqu d-deni."

53Il-missier intebaħ li dak kien il-ħin meta Ġesù qallu: 'Ibnek jgħix,' u emmen hu u l-familja kollha tiegħu.


© 2020 Malta Bible Society.

54Dan kien sinjal ieħor, it-tieni wieħed, li għamel Ġesù meta ġie l-Galilija mil-Lhudija.

## Ġwanni 5

### Fejqan ta' wieħed marid f'Betzata

1Wara dan, il-Lhud kellhom festa, u Ġesù tela' Ġerusalemm.

2F'Ġerusalemm, maġenb il-menqgħa tal-Bieb tan-Nagħaġ, hemm bini b'ħames loġoġ, li bil-Lhudi jgħidulu Betzata.

3F'dawn il-loġoġ kienet toqgħod kotra ta' morda, għomja, zopop u mifluġin.

5U kien hemm raġel li kien ilu tmienja u tletin sena marid.

6Ġesù rah qiegħed hemm, u meta sar jaf li kien ilu marid dak iż-żmien kollu qallu: "Trid tfiq?"

7"Sinjur," wieġbu l-marid, "ma għandix min jitfagħni fil-menqgħa xħin jitqanqal l-ilma, għax waqt li nkun sejjer jien ħaddieħor jinżel qabli."

8Qallu Ġesù: "Qum, aqbad friexek u imxi!"

9Minnufih dak ir-raġel fieq, qabad friexu u beda miexi. Dak in-nhar inzerta kien is-Sibt.

10Għalhekk il-Lhud qalu lil dak li kien fieq: "Is-Sibt illum, u ma jiswiex iġġorr friexek!"

11Iżda hu weġibhom: "Dak li fejjaqni qalli, 'Aqbad friexek u imxi.' "

12Huma staqsewh: "Min hu dan il-bniedem li qallek, 'Aqbad u imxi'?"

13Iżda l-imfejjaq ma kienx jaf min kien, għax Ġesù laħaq warrab billi hemmhekk kien hemm ħafna nies.

14Wara mbagħad Ġesù sabu fit-tempju u qallu: "Ara, issa fiqt, qis li ma tidnibx iżjed, biex ma tiġrilikx xi ħaġa agħar."

15Ir-raġel telaq u mar għand il-Lhud jagħtihom l-aħbar li kien Ġesù li fejqu.

16Għalhekk il-Lhud ħraxu għal Ġesù, għax f'jum is-Sibt kien jagħmel ħwejjeġ bħal dawn.

17Imma Ġesù qalilhom: "Missieri għadu jaħdem sa issa; mela naħdem jien ukoll."

18U minħabba f'hekk il-Lhud wisq iżjed minn qabel bdew ifittxu li joqtluh, mhux biss għax kien jikser is-Sibt, imma wkoll għax lil Alla kien jgħidlu Missieru u jqis ruħu daqs Alla.

### Is-setgħa tal-Iben

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

19 Ġesù qabad u qalilhom: “Tassew tassew ngħidilkom li l-Iben ebda ħaġa ma jista’ jagħmel minn rajh jekk ma jarax lil Missieru jagħmilha; għax il-ħwejjeġ li jagħmel il-Missier, jagħmilhom l-Iben ukoll, bħalu.

20 Għax il-Missier lill-Iben iħobbu u jurih kulma jagħmel, anzi ħwejjeġ akbar minn dawn jurih, ħalli jkollkom biex tistagħġbu.

21 Għax bħalma l-Missier iqajjem lill-mejtin u jagħtihom il-ħajja, hekk ukoll l-Iben jagħti l-ħajja lil dawk li jrid hu.

22 Il-Missier ma jagħmel ħaqq minn ħadd, imma ħalla f’idejn l-Iben biex jagħmel il-ħaqq kollu hu,

23 biex kulħadd jagħti ġieħ lill-Iben bħalma jagħti ġieħ lill-Missier; u min ma jagħtix ġieħ lill-Iben anqas ma jagħti ġieħ lill-Missier li bagħtu.

24 Tassew tassew ngħidilkom li min jisma’ kelmti u jemmen f’min bagħatni għandu l-ħajja ta’ dejjem, u ma jsirx ħaqq minnu, imma għadda mill-mewt għall-ħajja.

25 Tassew tassew ngħidilkom li tiġi siegħa, anzi issa hi, meta l-mejtin jisimgħu l-leħen tal-Iben ta’ Alla, u dawk li jisimgħuh jgħixu.

26 Għax bħalma l-Missier għandu l-ħajja fih innifsu, hekk ukoll ta lill-Iben li jkollu l-ħajja fih innifsu,

27 u tah ukoll is-setgħa li jagħmel ħaqq, għax hu Bin il-bniedem.

28 Tistagħġbux b’dan; tiġi siegħa meta dawk kollha li jkunu fl-oqbra jisimgħu leħnu

29 u joħorġu; dawk li jkunu għamlu t-tajjeb iqumu għall-ħajja, imma dawk li jkunu għamlu l-ħażin iqumu għall-kundanna.

### Xhieda għal Ġesù

30 “Jiena ma nista’ nagħmel xejn minn rajja; il-ħaqq nagħmlu fuq dak li nisma’, u l-ħaqq li nagħmel jien huwa ġust, għax jien ma nfittixx ir-rieda tiegħi, imma r-rieda ta’ min bagħatni.

31 Kieku jien kelli nagħti xhieda fuqi nnifsi, ix-xhieda tiegħi ma kinitx tkun minnha.

32 Hemm ħaddieħor li jagħti xhieda fuqi, u jiena naf li x-xhieda li jagħti fuqi hu hi minnha.

33 Intom bgħattu tistaqsu lil Ġwanni, u hu ta xhieda għall-verità.

34 Mhux għax jien għandi bżonn ix-xhieda ta’ bniedem, imma qiegħed ngħidilkom dan għas-salvazzjoni tagħkom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

35Għax dak kien musbieħ jixgħel u jiddi, u intom, għal ftit, ridtu tifirħu bid-dawl tiegħu.

36Iżda jien għandi xhieda akbar minn dik ta' Ġwanni; għax l-għemejjel li tani l-Missier biex intemmhom, jiġifieri dawn l-istess għemejjel li jiena qiegħed nagħmel, jixhdu għalija li kien il-Missier li bagħatni.

37U dak li jagħti xhieda fuqi huwa dak stess li bagħatni, il-Missier, li intom la qatt smajtu leħnu u lanqas rajtu l-bixra ta' wiċċu;

38u l-kelma tiegħu ma tinsabx fikom, għax intom m'intomx temmnu lil dak li huwa bagħat.

39Intom tistudjaw l-Iskrittura, għax taħsbu li fiha hemm il-ħajja ta' dejjem; din tagħti xhieda għalija;

40u madankollu ma tridux tiġu għandi biex ikollkom il-ħajja.

41"Jiena ma nieħu ebda glorja mill-bnedmin,

42imma jiena lilkom nafkom, naf li l-imħabba ta' Alla ma tinsabx fikom.

43Jien ġejt f'isem Missieri, u intom ma lqajtunix; jekk ħaddieħor jiġi f'ismu stess, intom tilqgħuh.

44Imma kif jista' jkun li temmnu, intom li tieħdu l-glorja mingħand xulxin, waqt li xejn ma tfittxu l-glorja li tiġi mingħand Alla waħdu?

45Xejn la taħsbu li se nkun jien li nakkużakom quddiem il-Missier; dak li jakkużakom huwa Mosè, li fih qegħedtu t-tama tagħkom.

46Għax kieku kontu temmnu lil Mosè kontu temmnu lili wkoll, għax Mosè fuqi kiteb.

47Imma jekk intom ma temmnux dak li kitbilkom hu, kif se temmnu dak li ngħidilkom jien?"

## Ġwanni 6

### Ġesù jitma' ħamest elef

(Mt 14,13-21; Mk 6,30-44; Lq 9,10-17)

1Wara dan, Ġesù telaq lejn in-naħa l-oħra tal-baħar tal-Galilija, jew ta' Tiberija.

2Hafna nies marru warajh, għax raw is-sinjali li kien jagħmel bil-fejqan tal-morda.

3Ġesù tela' lejn l-għoljiet u qagħad hemm bilqiegħda mad-dixxipli tiegħu.

4Kien qrib l-Għid, il-festa tal-Lhud.


© 2020 Malta Bible Society.

5Ġesù rafa’ għajnejh, lemaħ kotra ta’ nies ġejja lejh, u qal lil Filippu: “Mnejn
nixtru l-ħobż biex dawn ikollhom x’jieklu?”

6Dan qalhulu biex jippruvah, għaliex hu kien jaf x’sejjer jagħmel.

7Filippu wieġbu: “Mitejn dinar ħobż ma jkunux biżżejjed għalihom biex kull
wieħed minnhom jieħu xi ftit.”

8Wieħed mid-dixxipli tiegħu, Indrì, ħu Xmun Pietru, qallu:

9“Hawn tfajjel li għandu ħames ħobżiet tax-xgħir u żewġ ħutiet żgħar; imma
dawn x’inhuma għal daqshekk nies?”

10“Qiegħdu n-nies bilqiegħda,” qal Ġesù. Dik in-naħa kien hemm ħafna ħaxix.
Għalhekk in-nies, xi ħamest elef raġel, qagħdu bilqiegħda.

11Ġesù ħa l-ħobżiet, radd il-ħajr, u qassamhom lil dawk li kienu bilqiegħda;
hekk ukoll għamel bil-ħut, u kulħadd ħa kemm ried.

12Meta xebgħu, Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu: “Iġbru l-loqom li baqa’, biex xejn ma
jinħela.”

13Marru jiġbruhom, u mlew tnax-il qoffa bil-loqom li kien fadlilhom in-nies mill-
ħames ħobżiet tax-xgħir wara li kienu kielu.

14Għalhekk dawn in-nies, meta raw dan is-sinjal li għamel Ġesù, qalu: “Dan hu
tassew il-Profeta li għandu jiġi fid-dinja!”

15Imma Ġesù, meta ntebaħ li kienu ġejjin biex jeħduh bilfors ħalli jagħmluh
sultan, raġa’ warrab waħdu lejn l-għoljiet.

## Ġesù jimxi fuq il-baħar

(Mt 14,22-33; Mk 6,45-52)

16Xħin sar filgħaxija, id-dixxipli tiegħu niżlu ħdejn il-baħar,

17rikbu dgħajsa u ġibdu għax-xatt l-ieħor tal-baħar, lejn Kafarnahum. Kien ġa
dalam, u Ġesù kien għadu ma ġiex jilħaqhom.

18Il-baħar kien qam sewwa, għax kien qiegħed jonfoħ riħ qawwi.

19Mela wara li kienu qadfu xi ħamsa u għoxrin jew tletin stadju, raw lil Ġesù
miexi fuq il-baħar riesaq lejn id-dgħajsa, u beżgħu.

20Imma hu qalilhom: “Jiena hu, la tibżgħux.”

21Għalhekk riedu jtellgħuh fuq id-dgħajsa, iżda minnufih id-dgħajsa messet l-
art fejn kienu sejrin.

## Ġesù hu l-ħobż tal-ħajja


© 2020 Malta Bible Society.

22L-għada, in-nies li kienu għadhom in-naħa l-oħra tal-baħar raw li hemmhekk
ma kienx hemm ħlief dgħajsa waħda u li Ġesù ma kienx tela' fiha mad-dixxipli
tiegħu, imma li d-dixxipli kienu marru weħidhom.

23Mela waslu xi dgħajjes oħra minn Tiberija qrib fejn kienu kielu l-ħobż wara li
l-Mulej kien radd il-ħajr.

24Iżda n-nies, meta raw li fuqhom la kien hemm Ġesù u lanqas id-dixxipli tiegħu,
telgħu fuq id-dgħajjes u marru lejn Kafarnahum ifittxu lil Ġesù.

25U meta sabuh in-naħa l-oħra tal-baħar staqsewh: "Rabbi, meta ġejt hawn?"

26Ġesù weġibhom: "Tassew tassew ngħidilkom, intom qegħdin tfittxuni mhux
għax rajtu sinjali, imma għax kiltu mill-ħobż u xbajtu.

27Tħabtu mhux għall-ikel li jgħaddi, iżda għall-ikel li jibqa' għall-ħajja ta' dejjem,
dak li Bin il-bniedem jagħtikom, għaliex lilu Alla l-Missier immarka bis-siġill
tiegħu."

28Imbagħad staqsewh: "X'għandna nagħmlu biex nagħmlu l-opri ta' Alla?"

29Weġibhom Ġesù: "L-opra ta' Alla hija din: li intom temmnu f'dak li huwa
bagħat."

30Qalulu: "X'sinjal se tagħmel biex aħna narawh u nemmnuk? X'sejjer tagħmel?

31Missirijietna kielu l-manna fid-deżert, bħalma hemm miktub, 'Tahom jieklu
ħobż mis-sema.' "

32Weġibhom Ġesù: "Tassew tassew ngħidilkom, mhux Mosè takom il-ħobż mis-
sema, iżda Missieri jagħtikom il-ħobż tassew mis-sema;

33għaliex il-ħobż ta' Alla huwa dak li jinżel mis-sema u jagħti l-ħajja lid-dinja."

34"Sinjur," qalulu huma, "agħtina dejjem minn dan il-ħobż."

35Weġibhom Ġesù: "Jiena hu l-ħobż tal-ħajja. Min jiġi għandi ma jieħdu qatt il-
ġuħ, u min jemmen fija ma jkun qatt bil-għatx.

36Imma jiena ġa għedtilkom li, għalkemm rajtuni, ma emmintux.

37Dawk kollha li jagħtini Missieri jiġu għandi, u min jiġi għandi ma nkeċċihx 'il
barra;

38għax jiena nżilt mis-sema mhux biex nagħmel ir-rieda tiegħi, imma r-rieda ta'
min bagħatni.

39Issa r-rieda ta' min bagħatni hija din: li jiena ma nitlef xejn minn dak kollu li
tani, iżda li nqajmu mill-imwiet fl-aħħar jum.

40Din hi tabilħaqq ir-rieda ta' Missieri: li kull min jara lill-Iben u jemmen fih,
ikollu l-ħajja ta' dejjem u jiena nqajmu mill-imwiet fl-aħħar jum."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

41Il-Lhud bdew igergru fuqu għax kien qal, 'Jiena hu l-ħobż li niżel mis-sema.'

42U bdew jgħidu: "Dan m'huwiex Ġesù bin Ġużeppi? Lil missieru u 'l ommu ma
nafuhomx? Mela kif qiegħed jgħid, 'Jiena nżilt mis-sema'?"

43Ġesù weġibhom: "Toqogħdux tgorru bejnietkom.

44Hadd ma jista' jiġi għandi jekk il-Missier li bagħatni ma jiġbdux lejja; u jiena
nqajmu mill-imwiet fl-aħħar jum.

45Hemm miktub fil-Profeti, 'U kulħadd ikun mgħallem minn Alla.' Mela kull min
jisma' lill-Missier u jitgħallem minnu jiġi għandi.

46Mhux għax xi ħadd qatt ra lill-Missier ħlief dak li hu minn Alla; hu dan li ra lill-
Missier.

47Tassew tassew ngħidilkom, min jemmen għandu l-ħajja ta' dejjem.

48Jiena hu l-ħobż tal-ħajja.

49Missirijietkom kielu l-manna fid-deżert, u mietu;

50dan hu l-ħobż nieżel mis-sema, biex min jiekol minnu ma jmutx.

51Jiena hu l-ħobż il-ħaj, li niżel mis-sema. Jekk xi ħadd jiekol minn dan il-ħobż
jgħix għal dejjem. U l-ħobż li jiena nagħti huwa ġismi għall-ħajja tad-dinja."

52Fuq hekk il-Lhud tlewmu bejniethom, u bdew jgħidu: "Kif jista' dan jagħtina
ġismu biex nikluh?"

53Ġesù mela qalilhom: "Tassew tassew ngħidilkom, jekk ma tiklux il-ġisem ta'
Bin il-bniedem u ma tixorbux demmu, ma jkollkomx il-ħajja fikom.

54Min jiekol ġismi u jixrob demmi għandu l-ħajja ta' dejjem, u jiena nqajmu mill-
imwiet fl-aħħar jum.

55Għax ġismi huwa tassew ikel, u demmi hu tassew xorb.

56Min jiekol ġismi u jixrob demmi jibqa' fija u jiena fih.

57Bħalma bagħatni l-Missier, li hu ħaj, u jiena ngħix b'Missieri, hekk ukoll min
jiekol lili, hu wkoll jgħix bija.

58Dan huwa l-ħobż li niżel mis-sema; m'huwiex bħal dak li kielu missirijietkom
u mietu; min jiekol dan il-ħobż jgħix għal dejjem."

59Dan qalu huwa u jgħallem fis-sinagoga, f'Kafarnahum.

### Il-kliem tal-ħajja ta' dejjem

60Hafna dixxipli tiegħu, meta semgħuh, qalu: "Iebes dan il-kliem! Min jiflaħ
jisimgħuh?"

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[61]Ġesù ntebaħ waħdu li d-dixxipli tiegħu kienu qegħdin igergru fuq hekk, u qalilhom: "Dan il-kliem qiegħed ifixkilkom?

[62]Mela xi tgħidu kieku kellkom taraw lil Bin il-bniedem tiela' fejn kien qabel?

[63]Hu l-ispirtu li jagħti l-ħajja, il-ġisem ma jiswa għal xejn. Il-kliem li jiena għedtilkom huwa spirtu u ħajja.

[64]Iżda hemm xi wħud fostkom li ma jemmnux." Għaliex Ġesù kien jaf sa mill-bidu min kienu dawk li ma emmnux u min kien dak li kellu jittradih.

[65]U ssokta jgħidilhom: "Kien għalhekk li jiena għedtilkom li ħadd ma jista' jiġi għandi jekk il-Missier ma jagħtihx li jiġi."

[66]Minn dak in-nhar bosta mid-dixxipli tiegħu telquh u ma baqgħux imorru warajh.

[67]Imbagħad Ġesù qal lit-Tnax: "Tridux titilqu intom ukoll?"

[68]Wieġbu Xmun Pietru: "Mulej, għand min immorru? Inti għandek il-kliem tal-ħajja ta' dejjem,

[69]u aħna emminna u għarafna li inti l-Qaddis ta' Alla."

[70]Qalilhom Ġesù: "Mhux jien kont li għażiltkom lilkom it-Tnax? U madankollu wieħed minnkom huwa xitan."

[71]Kien qiegħed jgħid għal Ġuda ta' Xmun l-Iskarjota, għax kien hu li kellu jittradih, hu, wieħed mit-Tnax.

## Ġwanni 7

### In-nuqqas ta' fidi mill-qraba ta' Ġesù

[1]Wara dan, Ġesù baqa' jdur fil-Galilija, għax ma riedx joqgħod idur fil-Lhudija billi l-Lhud kienu qegħdin ifittxu li joqtluh.

[2]Kienet qorbot għal-Lhud il-festa tal-Għerejjex,

[3]u ħutu qalulu: "Itlaq minn hawn u mur il-Lhudija, biex id-dixxipli tiegħek ukoll jaraw l-għemejjel li qiegħed tagħmel.

[4]Għax ħadd ma jagħmel xejn bil-moħbi jekk irid ikun magħruf minn kulħadd. Ladarba qiegħed tagħmel dan kollu, uri ruħek lid-dinja."

[5]Għax anqas ħutu ma emmnu fih.

[6]Għalhekk Ġesù qalilhom: "Għalija għadu ma wasalx iż-żmien, imma ż-żmien tagħkom dejjem f'idejkom.

[7]Id-dinja lilkom ma tistax tobgħodkom, imma lili tobgħodni, għax jiena nixhed kontra tagħha li kulma tagħmel hu ħażin.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

8Itilgħu intom għall-festa, imma jiena ma nitlax għaliha din il-festa, għax iż-
żmien tiegħi għadu ma għalaqlix."

9Wara li qalilhom dan, baqa' fil-Galilija.

### Fil-festa tal-Għerejjex

10Imma wara li ħutu telgħu għall-festa tela' hu wkoll, mhux bid-dieher, imma
bil-moħbi.

11Fil-festa l-Lhud bdew ifittxuh u jgħidu: "Dan fejn hu?"

12Fost il-poplu kien hemm ħafna għajdut fuqu; min beda jgħid li kien raġel
tajjeb, u min qal li ma kienx imma li kien qed iqarraq bin-nies.

13Madankollu ħadd ma kien jitkellem fuqu bil-miftuħ, għax kienu jibżgħu mil-
Lhud.

14Il-festa kienet ġa f'nofsha meta Ġesù tela' fit-tempju u qabad jgħallem.

15Il-Lhud stagħġbu bih u qalu: "Dan kif jaf daqshekk bla ma tgħallem?"

16Qabeż Ġesù u qalilhom: "It-tagħlim tiegħi mhuwiex tiegħi, imma ta' dak li
bagħatni.

17Min irid jagħmel ir-rieda tiegħu jaf jekk dan it-tagħlim huwiex minn Alla jew
jekk iniex ngħid xi ħaġa minn tiegħi.

18Min jgħid xi ħaġa minn moħħu jkun qiegħed ifittex il-glorja tiegħu nnifsu. Iżda
min ifittex il-glorja ta' min ikun bagħtu, dan ikun jgħid is-sewwa, u fih ma jkun
hemm ebda qerq.

19Il-Liġi mhux Mosè tahielkom? U madankollu ħadd minnkom ma jħares il-Liġi.
Għaliex qegħdin tfittxu li toqtluni?"

20Qalulu n-nies: "Int għandek xitan fik! Min qiegħed ifittex li joqtlok?"

21Weġibhom Ġesù: "Ħaġa waħda għamilt, u lkoll stagħġibtu biha.

22Mosè takom iċ-ċirkonċiżjoni - għalkemm din ma kinitx ġejja minn Mosè, imma
mill-patrijarki - u intom, lil dak li jkun, iċ-ċirkonċiżjoni tagħmluhielu f'jum is-
Sibt.

23Mela jekk intom, lil dak li jkun, tagħmlulu ċ-ċirkonċiżjoni f'jum is-Sibt biex ma
tinkisirx il-Liġi ta' Mosè, kif se teħduha kontra tiegħi għax f'jum is-Sibt fejjaqt
bniedem kollu kemm hu?

24Tagħmlux il-ħaqq fuq dak li taraw b'għajnejkom imma agħmluh skont is-
sewwa!"

### Dan hu l-Messija


© 2020 Malta Bible Society.

25Xi wħud min-nies ta' Ġerusalemm qalu: "Dan mhuwiex dak li qegħdin ifittxuh
biex joqtluh?

26Araw, b'wiċċu minn quddiem qiegħed jitkellem, u ħadd ma hu jgħidlu xejn.
Jaqaw tassew li l-kbarat għarfu li dan hu l-Messija?

27Imma dan nafu minn fejn hu; il-Messija, meta jiġi, ħadd ma jkun jaf minn fejn
ikun ġej."

28Ġesù, huwa u jgħallem fit-tempju, għolla leħnu u qal: "Intom lili tafuni, u tafu
wkoll minn fejn jien. Jiena ma ġejtx minn rajja, imma hemm wieħed tassew li
bagħatni, wieħed li intom ma tafuhx.

29Jiena nafu, għax jien minn għandu ġej, u kien hu li bagħatni."

30Huma fittxew jaqbduh, iżda ħadd minnhom ma medd idejh fuqu, għax is-
siegħa tiegħu kienet għadha ma waslitx.

31Hafna nies emmnu fih u qalu: "Meta jiġi l-Messija se jagħmel sinjali aktar milli
qiegħed jagħmel dan?"

### L-għases mibgħuta biex jaqbdu lil Ġesù

32Il-Fariżej semgħu x'kienu qegħdin jgħidu fuqu n-nies, u huma u l-qassisin il-
kbar bagħtu xi għases biex jaqbduh.

33Ġesù qal: "Ftit ieħor baqagħli magħkom, u mbagħad nerġa' mmur għand min
bagħatni.

34Għad tfittxuni u ma ssibunix, u ma tkunux tistgħu tiġu fejn inkun jien."

35Il-Lhud bejniethom bdew jgħidu: "Mela fejn sejjer dan, biex m'aħniex se
nsibuh? Jaqaw sejjer għand dawk li huma mxerrda fost il-Griegi u jgħallem lill-
Griegi?

36Dan xi kliem hu li qal, 'Għad tfittxuni u ma ssibunix,' u 'Ma tkunux tistgħu tiġu
fejn inkun jien'?"

### Xmajjar ta' ilma ħaj

37Fl-aħħar jum tal-festa, il-jum l-aktar solenni, Ġesù qam jgħid b'leħen għoli:
"Min jieħdu l-għatx, jiġi għandi u jixrob.

38Kif tgħid l-Iskrittura, min jemmen fija, minnu joħorġu xmajjar ta' ilma ħaj."

39Dan qalu għall-Ispirtu li kellhom jirċievu dawk li jemmnu fih, għax l-Ispirtu
kien għad ma ngħatalhomx, billi Ġesù kien għadu ma ġiex igglorifikat.

### Il-fehmiet tan-nies fuq Ġesù

40Meta xi wħud semgħu kliemu qalu: "Tassew dan hu l-Profeta."


© 2020 Malta Bible Society.

41Oħrajn qalu: "Dan hu l-Messija." Iżda xi wħud qalu: "Mela l-Messija għandu
jiġi mill-Galilija?

42Ma tgħidx l-Iskrittura li l-Messija għandu jiġi min-nisel ta' David u minn
Betlehem, ir-raħal minn fejn kien David?"

43Hekk in-nies ma qablux bejniethom minħabba fih.

44Xi wħud minnhom riedu jaqbduh, iżda ħadd ma medd idejh fuqu.

### In-nuqqas ta' fidi tal-kapijiet

45L-għases reġgħu lura għand il-qassisin il-kbar u l-Fariżej, u dawn qalulhom:
"Dan kif ma ġibtuhx magħkom?

46L-għases qalulhom: "Qatt ħadd ma tkellem bħalu, dan il-bniedem!"

47Qabżu l-Fariżej u qalulhom: "Intom ukoll tqarraqtu?

48Hemm xi ħadd mill-kapijiet u l-Fariżej li emmen fih?

49Imma dawn x'qabda nies misħuta, li l-Liġi ma jafuhiex!"

50Wieħed minnhom, jismu Nikodemu, dak li qabel kien mar għand Ġesù, qabeż
u qalilhom:

51"Jaqaw il-Liġi tagħna tikkundanna lil xi ħadd qabel ma tisma' lilu stess ħalli
tkun taf x'inhu jagħmel?"

52U huma qalulu: "M'intix int ukoll mill-Galilija, hux? Fittex fl-Iskrittura, ħalli
tara li ebda profeta ma jqum mill-Galilija!"

53U wieħed wieħed telqu lejn djarhom.

## Ġwanni 8

### Il-mara li nqabdet fl-adulterju

1Ġesù telaq lejn l-Għolja taż-Żebbuġ.

2Imma l-għada qabel is-sebħ raġa' mar fit-tempju, u l-poplu kollu ġie ħdejh, u
hu qagħad bilqiegħda jgħallimhom.

3Imbagħad il-kittieba u l-Fariżej ħadulu quddiemu waħda mara li kienet
inqabdet fl-adulterju. Huma qegħduha fin-nofs

4u qalulu: "Mgħallem, din il-mara nqabdet fil-fatt fl-adulterju.

5Issa fil-Liġi tagħna Mosè ordnalna biex nisa bħal dawn inħaġġruhom. Int,
imma, xi tgħid?"

6Dan qaluhulu biex iġarrbuh, ħalli jkollhom fuqiex jixluh. Imma Ġesù tbaxxa lejn
l-art u beda jikteb b'sebgħu fit-trab.


© 2020 Malta Bible Society.

7Billi dawk baqgħu jistaqsuh, qam dritt u qalilhom: "Min fostkom hu bla dnub jitfgħalha hu l-ewwel ġebla."

8U raġa' tbaxxa jikteb fit-trab.

9Kif semgħuh jgħid dan, qabdu u telqu wieħed wara l-ieħor, ibda mix-xjuħ, u Ġesù baqa' waħdu mal-mara, wieqfa fin-nofs.

10Qam dritt u qalilha: "Dawk fejnhom, mara? Ħadd minnhom ma kkundannak?"

11"Ħadd, Sinjur," qaltlu. "Mela anqas jien ma nikkundannak," qalilha Ġesù. "Mur, u mil-llum 'il quddiem tidnibx iżjed."

### Ġesù hu d-dawl tad-dinja

12Mill-ġdid Ġesù qabad ikellimhom u jgħidilhom: "Jiena d-dawl tad-dinja. Min jiġi warajja ma jimxix fid-dlam, iżda jkollu d-dawl tal-ħajja."

13Qalulu l-Fariżej: "Qiegħed tixhed int għalik innifsek; mela x-xhieda tiegħek mhix minnha."

14Weġibhom Ġesù: "U wkoll kieku kelli nixhed jien għalija nnifsi, ix-xhieda tiegħi kienet tgħodd, għax jiena naf minn fejn ġej u fejn sejjer. Imma intom ma tafux minn fejn jien ġej jew fejn sejjer.

15Intom il-ħaqq tagħkom tagħmluh ta' bnedmin li intom; jien ma nagħmel ħaqq minn ħadd.

16Imma kieku kelli nagħmel ħaqq jien, il-ħaqq tiegħi kien ikun sewwa, għax jien m'iniex waħdi, imma miegħi għandi l-Missier li bagħatni.

17Issa fil-Liġi tagħkom hemm miktub li x-xhieda ta' tnejn tgħodd.

18Hemm jien, li qiegħed nixhed għalija nnifsi, u hemm il-Missier li bagħatni, li hu wkoll qiegħed jixhed għalija."

19"Missierek fejn hu?" staqsewh. Weġibhom Ġesù: "Intom la lili ma tafu u lanqas lil Missieri. Li kieku kontu tafu lili, kontu tkunu tafu lil Missieri wkoll."

20Dan kollu Ġesù qalu fit-teżor, huwa u jgħallem fit-tempju. U ħadd minnhom ma qabdu, għax is-siegħa tiegħu kienet għadha ma waslitx.

### Fejn sejjer jien intom ma tistgħux tiġu

21U raġa' qalilhom: "Jiena mmur, u intom għad tfittxuni, imma għad tmutu fid-dnub tagħkom. Fejn sejjer jien intom ma tistgħux tiġu."

22Qalu l-Lhud: "Jaqaw se jneħħi ħajtu b'idejh dan? Għax qal li 'Fejn sejjer jien intom ma tistgħux tiġu.' "

23Ġesù qalilhom: "Intom minn hawn isfel, u jiena ġej minn hemm fuq. Intom nies ta' din id-dinja, imma jien m'iniex ta' din id-dinja.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

24Kif għedtilkom jien, intom tmutu fi dnubietkom. Għax jekk intom ma
temmnux li jiena hu, tmutu fi dnubietkom."

25"U int min int?" staqsewh. Weġibhom Ġesù: "Dak li ili ngħidilkom sa mill-bidu.

26Għandi ħafna xi ngħid fuqkom u x'nikkundanna fikom; iżda dak li bagħatni
jgħid il-verità, u jiena ngħid lid-dinja dak li smajt mingħandu."

27Huma ma ntebħux li kien qiegħed ikellimhom fuq il-Missier.

28Għalhekk Ġesù qalilhom: "Meta terfgħu 'l fuq lil Bin il-bniedem, imbagħad
tagħrfu li jiena hu u li minn rajja ma nagħmel xejn, imma li nitkellem skont ma
għallimni l-Missier.

29U min bagħatni huwa miegħi, ma telaqnix waħdi, għax jiena dejjem nagħmel
dak li jogħġob lilu."

30Meta tkellem hekk, kienu ħafna dawk li emmnu fih.

## Il-verità teħliskom

31Ġesù qal lil-Lhud li emmnu fih: "Jekk iżżommu fil-kelma tiegħi, tkunu tassew
dixxipli tiegħi,

32u tagħrfu l-verità u l-verità teħliskom."

33Qalulu: "Aħna nisel Abraham, u qatt ma konna lsiera ta' ħadd. Kif tiġi tgħidilna
li nkunu ħielsa?"

34Weġibhom Ġesù: "Tassew tassew ngħidilkom, li kull min jagħmel id-dnub
huwa lsir tad-dnub.

35U l-ilsir ma jibqax fil-familja għal dejjem; imma l-iben għal dejjem jibqa'.

36Jekk l-Iben jeħliskom, tkunu tabilħaqq ħielsa.

37Jiena naf li intom nisel Abraham; madankollu qegħdin tfittxu li toqtluni, għax
il-kelma tiegħi ma qabditx l-art fikom.

38Jiena qiegħed nitkellem fuq dak li rajt għand Missieri, u intom tagħmlu dak li
smajtu mingħand missierkom."

## Missierkom hu x-Xitan

39Qabżu u qalulu: "Missierna hu Abraham." Qalilhom Ġesù: "Kieku kontu wlied
Abraham, kontu tagħmlu bħalma għamel Abraham.

40Iżda issa qegħdin tfittxu li toqtlu lili, bniedem li għedtilkom il-verità li smajt
mingħand Alla. Dan ma għamlux Abraham.

41Intom tagħmlu bħalma jagħmel missierkom." Qalulu: "Aħna m'aħniex ulied
iż-żina! Missier wieħed għandna, lil Alla."


© 2020 Malta Bible Society.

42Qalilhom Ġesù: "Li kieku Alla kien missierkom, lili kontu tħobbuni, għax jien ħriġt u ġejt mingħand Alla. Għax jien ma ġejtx minn rajja, imma kien hu li bagħatni.

43Għaliex m'intomx tifhmu x'jiena ngħid? Għax intom kelmti ma tifilħux għaliha.

44Intom ġejjin minn missierkom, li hu x-Xitan, u x-xewqat ta' missierkom tridu tagħmlu. U dan kien qattiel sa mill-bidu, u qatt ma żamm mal-verità, għax il-verità ma tinsabx fih. Meta jigdeb, ikun qiegħed jitkellem ta' li hu, għax dak giddieb u missier il-gideb.

45Imbagħad lili, għax ngħid is-sewwa, ma temmnunix.

46Min minnkom jipprova li jien għandi xi dnub? Jekk jiena ngħid il-verità, l-għala ma temmnunix?

47Min hu minn Alla jisma' dak li jgħid Alla. Hu għalhekk li intom ma tisimgħux, għax m'intomx minn Alla."

48Qabżu l-Lhud u qalulu: "Mhux sewwa ngħidu aħna li int Samaritan u li għandek fik Xitan?"

49Weġibhom Ġesù: "Jiena ma għandix Xitan fija, imma nagħti ġieħ lil Missieri, u intom tgħajruni.

50Jien ma nfittixx il-glorja tiegħi; hemm min ifittixha u jagħmel il-ħaqq.

51Tassew tassew ngħidilkom li min iħares il-kelma tiegħi ma jara qatt il-mewt."

52Qalulu l-Lhud: "Issa tassew nafu li għandek Xitan fik. Abraham miet, u l-profeti wkoll; u inti tgħid li 'Jekk xi ħadd iħares kelmti ma jduq qatt il-mewt.'

53Jaqaw int akbar minn missierna Abraham li miet? U l-profeti wkoll mietu. Inti x'taħseb li int?"

54Wieġeb Ġesù: "Li kieku kelli nagħti glorja lili nnifsi, il-glorja tiegħi ma kienet tkun tiswa xejn. Imma dak li lili qiegħed jagħtini l-glorja huwa l-Missier, dak li intom tgħidu li hu Alla tagħkom,

55u madankollu ma għaraftuhx. Imma jiena nafu, u kieku kelli ngħid li ma nafux, kont inkun giddieb bħalkom. U mhux biss nafu, imma wkoll inħares il-kelma tiegħu.

56Missierkom Abraham qabeż bil-ferħ għall-ħsieb li kien se jara l-jum tiegħi, u rah u feraħ."

57Qalulu l-Lhud: "Għadek anqas għalaqt il-ħamsin u rajt lil Abraham?"

58Qalilhom Ġesù: "Tassew tassew ngħidilkom, qabel ma kien Abraham, jiena hu."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

59Għalhekk il-Lhud qabdu l-ġebel biex iwaddbuhulu; imma Ġesù nħbielhom u ħareġ mit-tempju.

## Ġwanni 9

### Ġesù jfejjaq raġel agħma minn twelidu

1Kif kien għaddej, lemaħ raġel agħma minn twelidu,

2u d-dixxipli tiegħu staqsewh: "Rabbi, dan twieled agħma għax dineb hu stess, jew għax dinbu l-ġenituri tiegħu?"

3Ġesù wieġeb: "Mhux għax dineb hu jew il-ġenituri tiegħu, imma ġralu hekk biex l-għemil ta' Alla jidher fih.

4Sakemm għadu binhar, jeħtiġilna nagħmlu x-xogħol ta' dak li bagħatni, għax jasal il-lejl meta ħadd ma jkun jista' jaħdem.

5Sakemm għadni fid-dinja, jiena hu d-dawl tad-dinja."

6Kif qal dan, beżaq fl-art, għamel minnu qisu tajn, u dilek bih għajnejn ir-raġel agħma.

7U qallu: "Mur inħasel fil-menqgħa ta' Silwam." Din tfisser 'il-Mibgħut'. Mela dak mar, inħasel u ġie jara.

8Il-ġirien u dawk li s-soltu kienu jarawh, għax hu kien tallab, qalu: "Dan mhuwiex dak li kien joqgħod bilqiegħda jittallab?"

9Xi wħud qalu: "Iva, hu." Oħrajn qalu: "Le, imma jixbhu." Iżda hu qalilhom: "Jiena hu."

10Qalulu: "Mela kif infetħulek għajnejk?"

11Weġibhom: "Wieħed raġel, jgħidulu Ġesù, għamel ftit tajn, dilikli għajnejja bih, u qalli, 'Mur fis-Silwam u nħasel hemm.' Mort, inħsilt, u ġejt nara."

12Qalulu: "Fejn huwa dan ir-raġel?" Qalilhom: "Ma nafx."

### Il-Fariżej jistaqsu dwar il-fejqan

13Lil dan il-bniedem li fl-imgħoddi kien agħma ħaduh għand il-Fariżej.

14Issa dak in-nhar li Ġesù għamel it-tajn u fetaħ għajnejn l-agħma inzerta kien is-Sibt.

15Il-Fariżej ukoll staqsew mill-ġdid lill-agħma kif sar jara. U hu qalilhom: "Qegħedli ftit tajn fuq għajnejja, mort ninħasel, u issa qiegħed nara."

16Xi wħud mill-Fariżej qalu: "Dan il-bniedem mhuwiex ġej mingħand Alla, għax ma jħarisx is-Sibt." Iżda oħrajn qalu: "Kif jista' wieħed midneb jagħmel sinjali bħal dawn?" U ma qablux bejniethom.


© 2020 Malta Bible Society.

17U reġgħu qalu lill-agħma: "Int x'jidhirlek minnu, issa li fetaħlek għajnejk?"
Qalilhom: "Dak profeta."

18Il-Lhud ma ridux jemmnu li hu kien agħma u ħa d-dawl qabel ma bagħtu għall-
ġenituri ta' dak li sar jara,

19u staqsewhom: "Dan, li intom qegħdin tgħidu li twieled agħma, dan binkom?
Mela issa kif ġie jara?"

20Il-ġenituri tiegħu wieġbu u qalulhom: "Nafu li dan hu t-tifel tagħna u li twieled
agħma;

21imma kif issa ġie jara, dan ma nafuhx, u anqas ma nafu min fetaħlu għajnejh.
Staqsu lilu, żmien għandu; ħa jitkellem hu għalih innifsu."

22Il-ġenituri tiegħu wieġbu hekk għaliex beżgħu mil-Lhud, għax il-Lhud kienu
ġa ftiehmu bejniethom li jekk xi ħadd jistqarr li Ġesù hu l-Messija, isib ruħu
barra mis-sinagoga.

23Kien għalhekk li l-ġenituri tiegħu wieġbu, 'Żmien għandu, staqsu lilu.'

24Għal darb'oħra reġgħu bagħtu għal dak li kien agħma u qalulu: "Agħti glorja
lil Alla! Aħna nafu li dan il-bniedem huwa midneb."

25Dak weġibhom: "Jekk hux midneb ma nafx; ħaġa waħda naf: li jien kont agħma
u issa qiegħed nara."

26Qalulu: "Imma hu x'għamillek? Kif fetaħhomlok għajnejk?"

27U hu weġibhom: "Ġa għedtilkom u ma smajtux! Xi tridu tisimgħu iżjed? Jaqaw
tridu intom ukoll issiru dixxipli tiegħu?"

28U qabdu jgħajruh u qalulu: "Dak int dixxiplu tiegħu! Aħna ta' Mosè dixxipli!

29Aħna nafu li lil Mosè kellmu Alla, imma dan ma nafux minn fejn hu!"

30Weġibhom ir-raġel u qalilhom: "Sewwa! Hawn qiegħed l-għaġeb, li intom ma
tafux minn fejn inqala', u madankollu lili fetaħli għajnejja!

31Aħna nafu li Alla mhux se jisma' lill-midinbin; iżda mbagħad jekk wieħed ikun
iqim lil Alla u jagħmel ir-rieda tiegħu, lil dan jisimgħu.

32Qatt fid-dinja ma nstema' li xi ħadd fetaħ għajnejn wieħed agħma mit-twelid.

33Li kieku dan ma kienx ġej mingħand Alla, xejn ma kien ikollu ħila jagħmel."

34Imbagħad qabżu u qalulu: "Int se tgħallem lilna, int li twelidt dnubiet
waħdek?" U keċċewh 'il barra.

### L-għama spiritwali

35Ġesù sama' li keċċewh 'il barra; sabu u qallu: "Temmen inti f'Bin il-bniedem?"

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

36Dak wieġeb u qallu: "Min hu, Mulej, biex nemmen fih?"

37Qallu Ġesù: "Mhux biss rajtu, imma huwa dak stess li qiegħed ikellmek."

38Qallu: "Nemmen, Mulej!" U nxteħet għarkupptejh quddiemu.

39Imbagħad Ġesù qal: "Jien ġejt fid-dinja biex nagħmel ħaqq, biex min ma jarax
isir jara, u min jara jagħma."

40Xi wħud mill-Fariżej li kienu hemm madwaru semgħuh jgħid dan u staqsewh:
"Aħna wkoll għomja?"

41Weġibhom Ġesù: "Li kieku kontu għomja, ma kontux tkunu ħatja ta' dnub.
Imma issa qegħdin tgħidu, 'Aħna naraw.' Mela d-dnub tagħkom għadu fuqkom."

## Ġwanni 10

### Il-parabbola tan-nagħaġ

1"Tassew tassew ngħidilkom, min ma jidħolx fil-maqjel tan-nagħaġ mill-bieb
imma jaqbeż ġewwa minn naħa oħra, dak hu ħalliel u brigant.

2Imma min jidħol mill-bieb hu r-ragħaj tan-nagħaġ.

3Min ikun mal-bieb lilu jiftaħ, in-nagħaġ minn leħnu jisimgħu, u hu jsejjaħ in-
nagħaġ tiegħu waħda waħda b'isimhom u joħroġhom barra.

4U meta joħroġ in-nagħaġ tiegħu, huwa jmur quddiemhom u n-nagħaġ jimxu
warajh, għax jisimgħu leħnu.

5Imma wara wieħed barrani ma jimxux, anzi jaħarbu minnu, għax leħen barrani
ma jafuhx."

6Din il-parabbola qalhielhom Ġesù, iżda huma ma fehmux x'ried jgħidilhom
biha.

### Ġesù r-ragħaj it-tajjeb

7Għalhekk Ġesù raġa' qalilhom: "Tassew tassew ngħidilkom li l-bieb tan-nagħaġ
huwa jien.

8Dawk kollha li ġew sa issa qabli huma ħallelin u briganti. Iżda n-nagħaġ lilhom
ma semgħuhomx.

9Jiena hu l-bieb; jekk xi ħadd jidħol ġewwa permezz tiegħi jsalva, u jidħol u
joħroġ u jsib fejn jirgħa.

10Il-ħalliel ma jidħolx jekk mhux biex jisraq u joqtol u jeqred. Jiena ġejt biex
ikollkom il-ħajja, u ħajja bil-kotra.

11Jiena r-ragħaj it-tajjeb. Ir-ragħaj it-tajjeb jagħti ħajtu għan-nagħaġ tiegħu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

12Il-mikri, li mhuwiex ir-ragħaj, u li n-nagħaġ mhumiex tiegħu, jara l-lupu ġej, u jħalli n-nagħaġ u jaħrab; u l-lupu jaħtafhom u jxerridhom.

13Mikri hu, u ma jħabbilx rasu min-nagħaġ.

14Jiena r-ragħaj it-tajjeb; jiena nagħraf in-nagħaġ tiegħi, u n-nagħaġ tiegħi jagħrfu lili,

15bħalma l-Missier jagħraf lili u jiena nagħraf lill-Missier; u għan-nagħaġ tiegħi nagħti ħajti.

16Għandi wkoll nagħaġ oħra, li mhumiex minn dan il-maqjel; lilhom ukoll jeħtieġ li niġbor, u huma jisimgħu leħni, u jkun hemm merħla waħda, ragħaj wieħed.

17Għalhekk iħobbni l-Missier, għax jien nagħti ħajti, biex nerġa' neħodha.

18Hadd ma jeħodhieli, iżda jien nagħtiha minn rajja. Għandi setgħa li nagħtiha, u għandi s-setgħa li nerġa' neħodha; din hi l-ordni li ħadt mingħand Missieri."

19Il-Lhud reġgħu ma qablux bejniethom dwar dan il-kliem.

20Bosta minnhom qalu: "Dan għandu fih xitan u qiegħed jhewden; għalfejn toqogħdu tisimgħuh?"

21Imma oħrajn qalu: "Dan mhuwiex kliem ta' wieħed li għandu xitan fih. Mela xitan jista' jiftaħ għajnejn l-għomja?"

### Il-Lhud ma jemmnux f'Ġesù

22Imbagħad f'Ġerusalemm ħabtet il-festa tal-Konsagrazzjoni tat-tempju.

23Kienet ix-xitwa, u Ġesù kien miexi minn naħa għal oħra tat-tempju, fil-loġġa ta' Salamun.

24Il-Lhud daru miegħu u qalulu: "Kemm se ddum taqlgħalna ruħna? Jekk inti l-Messija għidilna ċar u tond."

25Weġibhom Ġesù: "Għedtilkom u intom ma temmnux. L-għemejjel li nagħmel jien f'isem Missieri jixhdu għalija.

26Iżda intom ma temmnux għax m'intomx min-nagħaġ tiegħi.

27In-nagħaġ tiegħi jisimgħu leħni, u jiena nagħrafhom, u huma jimxu warajja.

28U jiena nagħtihom il-ħajja ta' dejjem; u huma ma jintilfu qatt, u minn idejja ma jaħtafhomli ħadd.

29Missieri, li tahomli, hu akbar minn kulħadd, u ħadd ma jista' jaħtafhom minn id il-Missier.

30Jien u l-Missier aħna ħaġa waħda."


© 2020 Malta Bible Society.

31Il-Lhud reġgħu qabdu l-ġebel biex iħaġġruh.

32Imma Ġesù qalilhom: "Kien hemm ħafna għemejjel tajba li jiena wrejtkom
mingħand il-Missier; għal liema għemil minnhom tridu tħaġġruni?"

33Weġbuh il-Lhud: "Mhux għal xi għemil tajjeb irridu nħaġġruk, iżda minħabba
d-dagħwa li dgħajt, u għax int, li m'intix ħlief bniedem, qiegħed tagħmel lilek
innifsek Alla."

34Qalilhom Ġesù: "Fil-Liġi tagħkom ma hemmx miktub, 'Jiena għedt: Intom
allat'?

35Issa jekk il-Liġi ssejjaħ allat lil dawk li waslitilhom il-kelma ta' Alla - u l-
Iskrittura ma tistax titħassar -

36mela lili, li l-Missier ikkonsagrani u bagħatni fid-dinja, kif tgħiduli, 'Qiegħed
tidgħi,' għax għedtilkom li jien Bin Alla?

37Jekk jien m'iniex nagħmel l-għemejjel ta' Missieri, temmnunix;

38imma jekk qiegħed nagħmilhom, jekk ma temmnux lili, għallinqas emmnu l-
għemejjel, biex tkunu tafu u tagħrfu li l-Missier huwa fija u jiena fil-Missier."

39Għal darb'oħra fittxew li jaqbduh, imma hu ħarbilhom minn taħt idejhom.

40U raġa' mar in-naħa l-oħra tal-Ġordan, fejn qabel kien hemm Ġwanni
jgħammed, u baqa' hemm.

41Kienu ħafna dawk li marru ħdejh, u qalu: "Ġwanni ma għamel ebda sinjal,
imma kollu minnu kulma qal Ġwanni fuq dan il-bniedem."

42U hemmhekk ħafna emmnu fih.

## Ġwanni 11

### Il-mewt ta' Lazzru

1Kien hemm wieħed marid, Lazzru minn Betanja, ir-raħal ta' Marija u oħtha
Marta.

2Marija kienet dik li dilket il-Mulej b'żejt ifuħ u xxuttatlu riġlejh b'xuxitha; u
Lazzru, il-marid, kien ħuha.

3Iż-żewġ nisa bagħtu jgħidu lil Ġesù: "Mulej, ara, ħabibek marid."

4Meta sama' l-aħbar Ġesù qal: "Din mhijiex marda tal-mewt, iżda hi għall-glorja
ta' Alla, biex biha tingħata glorja lill-Iben ta' Alla."

5Ġesù kien iħobbhom lil Marta u lil oħtha u lil Lazzru.

6Meta sama' li dan marad, baqa' jumejn oħra fejn kien,


© 2020 Malta Bible Society.

7u mbagħad qal lid-dixxipli: "Ejjew nerġgħu mmorru l-Lhudija."

8Qalulu d-dixxipli: "Rabbi, il-Lhud għadhom kemm kienu qegħdin ifittxu li jħaġġruk, u int rieġa' sejjer hemm?"

9Weġibhom Ġesù: "Mhux tnax-il siegħa fiha l-ġurnata? Sakemm wieħed jimxi binhar, ma jitfixkilx, għax ikun qiegħed jara d-dawl ta' din id-dinja.

10Imma jekk jimxi billejl, jitfixkel, għax ma jkollux dawl."

11Qalilhom hekk, u mbagħad issokta jgħidilhom: "Ħabibna Lazzru rieqed; iżda ħa mmur u nqajmu."

12Qalulu d-dixxipli: "Mulej, jekk inhu rieqed, jiġifieri se jfiq."

13Iżda Ġesù kien tkellem mill-mewt tiegħu, u huma ħaduha li kien qalilhom fuq l-irqad ta' meta wieħed ikun bin-ngħas.

14Imbagħad qalilhom ċar u tond: "Lazzru miet.

15U jiena nifraħ minħabba fikom li ma kontx hemm, ħalli temmnu. Iżda ejjew immorru sa ħdejh."

16Tumas, imlaqqam it-Tewmi, qal lil sħabu d-dixxipli: "Immorru aħna wkoll ħa mmutu miegħu."

## Ġesù hu l-qawmien u l-ħajja

17Meta wasal, Ġesù sab li Lazzru kien ġa ilu erbat ijiem fil-qabar.

18Betanja kienet qrib Ġerusalemm, xi ħmistax-il stadju 'l hemm minnha.

19Ħafna Lhud kienu ġew għand Marta u Marija biex ifarrġuhom minħabba ħuhom.

20Kif, mela, semgħet li kien ġej Ġesù, Marta ħarġet tilqgħu, iżda Marija baqgħet id-dar.

21Marta qalet lil Ġesù: "Mulej, kieku kont hawn, ħija ma kienx imut.

22Imma wkoll issa, jiena naf li kulma int titlob lil Alla, Alla jagħtihulek."

23Ġesù qalilha: "Ħuk jerġa' jqum!"

24Qaltlu Marta: "Jiena naf li jerġa' jqum, fil-qawmien mill-imwiet fl-aħħar jum."

25Qalilha Ġesù: "Jien hu l-qawmien u l-ħajja. Kull min jemmen fija, ukoll jekk imut, jgħix;

26u kull min jgħix u jemmen fija, dan ma jmut qatt. Temmnu inti dan?"

27"Iva, Mulej," weġbitu, "Jiena nemmen li inti l-Messija, l-Iben ta' Alla, dak li ġie fid-dinja."

## Ġesù jibki

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

28Kif qalet dan, marret issejjaħ lil oħtha Marija u minn taħt l-ilsien qaltilha: "L-Imgħallem hawn, u qiegħed isejjaħlek."

29Dik, malli semgħetha, qamet minnufih u marret ħdejh.

30Ġesù kien għadu ma daħalx fir-raħal, imma baqa' fejn kienet ġiet tiltaqa' miegħu Marta.

31Il-Lhud li kienu d-dar ma' Marija biex ifarrġuha, kif rawha tqum malajr u toħroġ, marru warajha, għax stħajluha sejra lejn il-qabar biex toqgħod tibki hemm.

32Meta Marija waslet fejn kien Ġesù u ratu nxteħtet f'riġlejh, tgħidlu: "Mulej, kieku kont hawn, ħija ma kienx imut."

33Ġesù, kif ra lilha tibki u l-Lhud, li ġew magħha, jibku wkoll, ħass ruħu mqanqal u tħawwad ħafna.

34"Fejn qegħedtuh?" staqsiehom. Huma weġbuh: "Mulej, ejja u ara."

35U Ġesù beka.

36Għalhekk il-Lhud qalu: "Ara kemm kien iħobbu!"

37Iżda xi wħud minnhom qalu: "Ma setax dan il-bniedem, li fetaħ għajnejn l-agħma, jagħmel ukoll li dan ma jmutx?"

38Ġesù ħass ruħu mqanqal għal darb' oħra u resaq lejn il-qabar. Dan kien għar magħluq bi blata fuqu.

39Ġesù qal: "Neħħu l-blata." Marta, oħt il-mejjet, qaltlu: "Mulej, issa beda jrejjaħ; ġa ilu erbat ijiem mejjet."

40Qalilha Ġesù: "Ma għedtlikx li jekk inti temmen, tara l-glorja ta' Alla?"

41Imbagħad neħħew il-blata. Ġesù rafa' għajnejh 'il fuq u qal: "Missier, irroddlok ħajr li smajtni.

42Kont naf li inti dejjem tismagħni, imma għedt dan minħabba n-nies li hawn madwari, biex huma jemmnu li inti bgħattni."

43Kif qal hekk, għajjat b'leħen għoli: "Lazzru, oħroġ!"

44U dak li kien mejjet ħareġ, b'idejh u riġlejh infaxxati u b'maktur ma' wiċċu. Ġesù qalilhom: "Hollulu l-faxex u ħalluh imur."

### Ftehim kontra Ġesù

(Mt 26,1-5; Mk 14,1-2; Lq 22,1-2)

45Hafna mil-Lhud, li kienu ġew għand Marija u raw dak li għamel Ġesù, emmnu fih.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

46Imma xi wħud minnhom marru għand il-Fariżej u qalulhom x'kien għamel
Ġesù.

47Għalhekk il-qassisin il-kbar u l-Fariżej laqqgħu s-Sinedriju u qalu: "X'sejrin
nagħmlu? Għax dan il-bniedem qiegħed jagħmel ħafna sinjali.

48Jekk inħalluh sejjer hekk, kulħadd jemmen fih, u jiġu r-Rumani, u jeqirdulna
kemm it-tempju u kemm il-ġens tagħna."

49Imma wieħed minnhom, Kajfa, li kien il-qassis il-kbir dik is-sena, qalilhom:
"Intom ma tafu xejn.

50Anqas ma intom tqisu li jaqblilkom jekk imut bniedem wieħed għall-poplu u
mhux jinqered il-ġens kollu."

51Issa dan ma qalux minn moħħu, imma billi dik is-sena inzerta kien il-qassis il-
kbir, huwa kien imnebbaħ u ħabbar li Ġesù kellu jmut għall-ġens tiegħu,

52u mhux għall-ġens tiegħu biss, imma wkoll biex jiġbor ġemgħa waħda l-ulied
ta' Alla li kienu mxerrdin.

53Minn dak in-nhar 'il quddiem bdew jiftiehmu bejniethom biex joqtluh.

54Ġesù ma għaddiex aktar bid-dieher f'nofs il-Lhud, imma telaq minn hemm
lejn il-kampanja qrib id-deżert, f'belt jisimha Efrajm, u qagħad hemmhekk mad-
dixxipli tiegħu.

55Kien wasal l-Għid tal-Lhud, u ħafna nies mill-kampanja telgħu Ġerusalemm
qabel l-Għid għar-riti tal-purifikazzjoni.

56Huma fittxew lil Ġesù, u bdew jgħidu bejniethom fit-tempju: "Intom x'taħsbu?
Tgħid, jitla' għall-festa?"

57Issa l-qassisin il-kbar u l-Fariżej taw ordni li, jekk xi ħadd ikun jaf fejn
qiegħed, imur jgħidilhom, biex huma jiġu jarrestawh.

## Ġwanni 12

### Id-dilka ta' Ġesù f'Betanja

1Sitt ijiem qabel il-festa tal-Għid Ġesù mar Betanja, fejn kien joqgħod Lazzru li
Ġesù kien qajjem mill-imwiet.

2Hemmhekk għamlulu ikla; Marta bdiet isservi, waqt li Lazzru kien wieħed
minn dawk li qagħdu fuq il-mejda ma' Ġesù.

3Marija ħadet libbra fwieħa tan-nard pur, tiswa ħafna, u dilket biha riġlejn
Ġesù, imbagħad ixxuttathomlu b'xagħarha; u d-dar imtliet bir-riħa tfuħ.

4Ġuda l-Iskarjota, wieħed mid-dixxipli tiegħu, dak li kien se jittradih, qal:


© 2020 Malta Bible Society.

5“Din il-fwieħa għax ma nbigħetx tliet mitt dinar biex jingħataw lill-foqra?”

6Issa dan qalu mhux għax kien jimpurtah mill-foqra, imma għax kien ħalliel, u,
billi hu kien il-kaxxier, kien jisraq kulma kienu jaqilgħu.

7Qallu Ġesù: “Ħalliha, din il-fwieħa kienet refgħetha għal jum id-difna tiegħi.

8Il-foqra dejjem issibuhom magħkom, imma lili mhux dejjem issibuni.”

### Ftehim kontra Lazzru

9Kotra kbira ta’ Lhud saru jafu li hu kien qiegħed hemm, u marru mhux biss
minħabba Ġesù, imma wkoll biex jaraw lil Lazzru, li hu kien qajjem mill-imwiet.

10Għalhekk il-qassisin il-kbar ftiehmu li joqtlu lil Lazzru wkoll,

11għax minħabba fih ħafna mil-Lhud bdew jitilquhom u jemmnu f’Ġesù.

### Id-daħla messjanika f’Ġerusalemm

(Mt 21,1-11; Mk 11,1-11; Lq 19,28-40)

12L-għada, il-folol ta’ nies li kienu ġew għall-festa, kif semgħu li Ġesù kien ġej
Ġerusalemm,

13ħadu l-friegħi tal-palm u ħarġu jilqgħuh. U bdew jgħajtu: “Hosanna! Imbierek
min ġej f’isem il-Mulej! Imbierek is-sultan ta’ Iżrael!”

14Ġesù sab felu u rikeb fuqu, kif hemm miktub,

15“Tibżax, bint Sijon! Ara, ġej is-sultan tiegħek, riekeb fuq felu ta’ ħmara.”

16Għall-ewwel id-dixxipli tiegħu ma fehmuhomx dawn il-ħwejjeġ; iżda meta
Ġesù kien igglorifikat, imbagħad ftakru li dan kien inkiteb fuqu, u hekk
għamlulu.

17U fuq dan tat xhieda l-folla tan-nies li kienet miegħu meta sejjaħ lil Lazzru
mill-qabar u qajmu mill-imwiet.

18Kien għalhekk ukoll li n-nies ħarġet tilqgħu, għax semgħet li kien għamel
sinjal bħal dan.

19Imma l-Fariżej bejniethom qalu: “Qegħdin taraw kif m’intom se tagħmlu xejn!
Ara, id-dinja kollha sejra warajh!”

### Waslet is-Siegħa

20Fost dawk li telgħu biex iqimu lil Alla fil-festa kien hemm xi Griegi.

21Dawn marru għand Filippu li kien minn Betsajda tal-Galilija, u talbuh: “Sinjur,
nixtieq naraw lil Ġesù.”

22Filippu mar jgħid lil Indrì, u mbagħad Indrì u Filippu marru jgħidu lil Ġesù.

23U Ġesù weġibhom: “Waslet is-siegħa li fiha Bin il-bniedem ikun igglorifikat.


© 2020 Malta Bible Society.

24Tassew tassew ngħidilkom, jekk il-ħabba tal-qamħ ma taqax fl-art u tmut, hi tibqa' weħidha; imma jekk tmut, tagħmel ħafna frott.

25Min iħobb lil ħajtu jitlifha; imma min jobgħod lil ħajtu f'din id-dinja jħarisha għall-ħajja ta' dejjem.

26Jekk xi ħadd irid jaqdini, hu għandu jimxi warajja; u fejn inkun jien, hemm ukoll ikun il-qaddej tiegħi. Min jaqdi lili, il-Missier jagħtih ġieħ.

27"Issa qiegħed inħoss ruħi mħawda. U x'naqbad ngħid? Missier, eħlisni minn din is-siegħa? Imma jien għalhekk ġejt: għal din is-siegħa.

28Missier, agħti glorja lil ismek." Dak il-ħin instama' leħen mis-sema: "Jiena diġà gglorifikajtu, u nerġa' nigglorifikah."

29In-nies li kienu hemm semgħuh, u qalu li kien qiegħed irieghed. Oħrajn qalu: "Kellmu xi anġlu."

30Ġesù wieġeb: "Dan il-leħen ma ġiex għalija, imma għalikom.

31Il-ġudizzju ta' din id-dinja qiegħed isir issa. Issa se jitkeċċa l-Prinċep ta' din id-dinja.

32U meta nintrefa' 'l fuq mill-art, jiena niġbed il-bnedmin kollha lejja."

33Hu qal dan biex jurihom b'liema mewt kien sejjer imut.

34In-nies wieġbu: "Aħna smajna jingħad fil-Liġi li l-Messija għandu jibqa' għal dejjem. Kif tiġi tgħidilna int li Bin il-bniedem għandu jintrefa'? U dan Bin il-bniedem min hu?"

35Qalilhom Ġesù: "Ftit ieħor baqagħlu magħkom id-dawl. Mela ibqgħu miexja sakemm għandkom id-dawl, biex id-dlam ma jilħaqkomx. Min jimxi fid-dlam ma jafx fejn hu sejjer.

36Sakemm għandkom id-dawl, emmnu fid-dawl, biex tkunu wlied id-dawl."

### Il-Lhud ma jemmnux f'Ġesù

Wara li qalilhom dan, Ġesù telaq u nħeba minnhom.

37Hu kien għamel ħafna sinjali quddiemhom, u madankollu baqgħu ma emmnux fih,

38biex hekk isseħħ il-kelma tal-profeta Isaija li qal, "Mulej, min emmen l-aħbar tagħna? U driegħ il-Mulej lil min intwera?"

39Kien għalhekk li ma setgħux jemmnu, għax kif qal ukoll Isaija,

40"Huwa għalqilhom għajnejhom u webbsilhom qalbhom, li ma jmorrux jaraw b'għajnejhom u jifhmu b'qalbhom u jduru lejja u jiena nfejjaqhom."

41Dan qalu Isaija, għax ra l-glorja tiegħu u tkellem fuqu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

42Imma madankollu ħafna mill-kapijiet emmnu fih ukoll, iżda minħabba l-Fariżej dan ma stqarrewhx, biex ma jitkeċċewx ’il barra mis-sinagoga.

43Għalihom kienet aktar għażiża l-glorja tal-bnedmin mill-glorja ta’ Alla.

44Ġesù għolla leħnu u qal: “Min jemmen fija jkun qiegħed jemmen mhux fija imma f’min bagħatni;

45u min jara lili jkun qiegħed jara lil min bagħatni.

46Jiena huwa d-dawl li ġejt fid-dinja biex kull min jemmen fija ma jibqax fid-dlam.

47Min jisma’ kliemi u ma jħarsux, jiena ma nagħmilx ħaqq minnu, għax jien ma ġejtx biex nagħmel ħaqq mid-dinja, iżda biex insalva d-dinja.

48Min imaqdar lili u ma jilqax kliemi, hemm min jagħmel ħaqq minnu: il-kelma li jiena għedt; tkun hi li tagħmel ħaqq minnu fl-aħħar jum.

49Għax jien ma għedt xejn minn moħħi, imma kien dak li bagħatni, jiġifieri l-Missier, li ordnali xi ngħid u nitkellem.

50U jiena naf li l-ordni tiegħu hija l-ħajja ta’ dejjem. Dak li ngħid jien, ngħidu kif qalli l-Missier.”

## Ġwanni 13

### Ġesù jaħsel saqajn id-dixxipli

1Qabel il-festa tal-Għid, billi kien jaf Ġesù li waslet is-siegħa tiegħu biex jgħaddi minn din id-dinja għal għand il-Missier, hu, li kien ħabb lil tiegħu li kienu fid-dinja, ħabbhom għall-aħħar.

2Kienu qegħdin għall-ikel. Ix-Xitan kien ġa webbel lil Ġuda ta’ Xmun l-Iskarjota u daħħallu f’rasu li jittradih.

3Ġesù kien jaf li l-Missier tah kollox f’idejh, u li hu kien ġie mingħand Alla u kien sejjer għand Alla.

4Qam minn fuq il-mejda, neħħa l-mantar minn fuqu, ħa fardal u rabtu ma’ qaddu.

5Imbagħad ferragħ l-ilma fil-lenbija, u beda jaħsel saqajn id-dixxipli u jixxuttahomlhom bil-fardal li kellu ma’ qaddu.

6Mela wasal fuq Xmun Pietru, u dan qallu: “Int, Mulej, taħsilli saqajja?”

7Ġesù wieġbu: “Int għalissa ma tafx x’qiegħed nagħmel jien; tifhmu aktar ’il quddiem.”


© 2020 Malta Bible Society.

8Qallu Pietru: "Ma jkun qatt li inti taħsilli saqajja!" Wieġbu Ġesù: "Jekk ma naħsillekx saqajk, ma jkollokx x'taqsam miegħi."

9Qallu Xmun Pietru: "Mulej, mhux saqajja biss, imma idejja u rasi wkoll."

10Qallu Ġesù: "Min hu maħsul, ma għandux għalfejn jinħasel kollu, ħlief saqajh, għax hu kollu kemm hu nadif, u intom indaf, imma mhux ilkoll."

11Għax hu kien jaf min kien sejjer jittradih; għalhekk qal, 'M'intomx ilkoll indaf.'

12Wara li ħaslilhom saqajhom, libes il-mantar u raġa' qagħad fuq il-mejda; u qalilhom: "Tafu x'għamiltilkom?

13Intom issejħuli 'l-Imgħallem' u 'il-Mulej', u tgħidu sewwa, għax hekk jien.

14Mela jekk jien, li jien il-Mulej u l-Imgħallem, ħsiltilkom saqajkom, hekk intom għandkom taħslu saqajn xulxin.

15Għax jien tajtkom eżempju, biex kif għamilt jien magħkom, hekk tagħmlu intom ukoll.

16Tassew tassew ngħidilkom, l-ilsir mhuwiex aqwa minn sidu, anqas il-messaġġier ma hu aqwa minn min jibagħtu.

17Jekk dawn il-ħwejjeġ tafuhom, henjin intom jekk tagħmluhom.

18Jien m'iniex ngħid għalikom ilkoll, għax jien naf x'nies għażilt, imma għandha sseħħ l-Iskrittura li tgħid, 'Min kiel il-ħobż miegħi, tani bis-sieq.'

19Dan qiegħed ngħidu minn issa, qabel ma jiġri, biex, meta jiġri, temmnu li jiena hu.

20Tassew tassew ngħidilkom, min jilqa' lil min nibgħat jien, ikun jilqa' lili, u min jilqa' lili, ikun jilqa' lil dak li bagħatni."

### Ġesù jħabbar it-tradiment ta' Ġuda
(Mt 26,20-25; Mk 14,17-27; Lq 22,21-23)

21Wara li qal dan, Ġesù ħass ruħu jitħawwad, u stqarr bil-miftuħ: "Tassew tassew ngħidilkom li wieħed minnkom se jittradini!"

22Id-dixxipli qabdu jħarsu lejn xulxin, ma jafux għal min qal hekk.

23Wieħed mid-dixxipli tiegħu, dak li Ġesù kien iħobb, kien maġenbu fuq il-mejda, b'rasu ma' sider Ġesù.

24Xmun Pietru għamillu sinjal u staqsieh: "Għal min qiegħed jgħid?"

25Dak, kif kien mimdud hekk fuq sider Ġesù, staqsieh: "Min hu, Mulej?"

26Wieġbu Ġesù: "Dak li għalih se nbill din il-loqma ħobż fil-platt u nagħtihielu." Imbagħad bill biċċa ħobż, u qabad u taha lil Ġuda ta' Xmun l-Iskarjota.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

27Ġuda ħa l-biċċa ħobż u daħal fih ix-Xitan. Qallu Ġesù: "Dak li se tagħmel, agħmlu u ddumx."

28Imma ħadd minn dawk li kienu fuq il-mejda ma kien jaf għalfejn qallu hekk.

29Billi Ġuda kien il-kaxxier, xi wħud stħajlu lil Ġesù jgħidlu, 'Mur ixtri dak li neħtieġu għall-festa,' jew biex imur jagħti xi ħaġa lill-foqra.

30Dak, wara li ħa l-biċċa ħobż, minnufih ħareġ 'il barra. Kien billejl.

### Il-kmandament il-ġdid

31Kif ħareġ Ġuda, Ġesù qal: "Bin il-bniedem huwa gglorifikat issa, u permezz tiegħu huwa gglorifikat Alla.

32Jekk Alla huwa gglorifikat permezz ta' Bin il-bniedem, Alla wkoll permezz tiegħu nnifsu għad jigglorifika lilu, u dalwaqt jigglorifikah.

33Uliedi, ftit ieħor se ndum magħkom; intom tfittxuni, u bħalma għedt lil-Lhud, hekk ukoll ngħidu issa lilkom: Fejn sejjer jien, intom ma tistgħux tiġu.

34Nagħtikom kmandament ġdid, li tħobbu lil xulxin. Bħalma ħabbejtkom jien, hekk ukoll ħobbu intom lil xulxin.

35Minn dan jagħraf kulħadd li intom dixxipli tiegħi, jiġifieri, jekk ikollkom l-imħabba bejnietkom."

### It-taħbira taċ-ċaħda ta' Pietru

(Mt 26,31-35; Mk 14,27-31; Lq 22,31-34)

36Qallu Xmun Pietru: "Fejn sejjer, Mulej?" U Ġesù wieġbu: "Fejn sejjer jien, int għalissa ma tistax tiġi miegħi; imma tiġi warajja aktar tard."

37Qallu Pietru: "Għaliex, Mulej, ma nistax niġi miegħek issa? Għalik jiena nagħti ħajti!"

38Wieġbu Ġesù: "Inti, tagħti ħajtek għalija? Tassew tassew ngħidlek li s-serduk ma jkunx idden qabel ma tkun ċħadtni tliet darbiet!"

## Ġwanni 14

### Ġesù hu t-triq għal għand il-Missier

1"Tħallux qalbkom titħawwad! Emmnu f'Alla, u emmnu fija wkoll.

2Fid-dar ta' Missieri hemm ħafna postijiet; li ma kienx hekk, kont ngħidilkom. Sejjer inħejjilkom fejn toqogħdu.

3U meta mmur u nħejjilkom post, nerġa' niġi biex neħodkom miegħi biex, fejn inkun jien, tkunu intom ukoll.

4U t-triq għall-post fejn sejjer tafuha."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

5Tumas qallu: “Mulej, aħna ma nafux fejn inti sejjer. Kif nistgħu nafu t-triq?”

6Wieġbu Ġesù: “Jiena hu t-Triq, il-Verità u l-Ħajja. Hadd ma jmur għand il-Missier jekk mhux permezz tiegħi.

7Kieku għaraftu lili, kontu tagħrfu wkoll lil Missieri. Minn issa ’l quddiem tagħrfuh, anzi diġà rajtuh.”

8Qallu Filippu: “Mulej, urina l-Missier, u jkun biżżejjed għalina.”

9Ġesù wieġeb: “Ili daqshekk magħkom, Filippu, u għadek ma għaraftnix? Min ra lili ra lill-Missier. Kif tgħidli, ‘Urina l-Missier’?

10Ma temminx li jiena fil-Missier u l-Missier fija? Il-kliem li ngħidilkom jien, ma ngħidux minn moħħi iżda l-Missier li jgħammar fija qiegħed jagħmel l-opri tiegħu.

11Emmnuni! Jiena fil-Missier u l-Missier huwa fija. Jekk mhux għal ħaġ’oħra, emmnuni minħabba dawn l-opri stess.

12Tassew tassew ngħidilkom, min jemmen fija hu wkoll għad jagħmel l-opri li qiegħed nagħmel jien, u akbar minnhom għad jagħmel, għax jiena sejjer għand il-Missier.

13U jekk titolbu xi ħaġa f’ismi jiena nagħmilha, biex il-Missier ikun igglorifikat permezz ta’ Ibnu.

14Iva, jekk titolbuni xi ħaġa f’ismi, jiena nagħmilha.

### Ġesù jwiegħed l-Ispirtu s-Santu

15“Jekk tħobbuni, ħarsu l-kmandamenti tiegħi.

16U jiena nitlob lill-Missier, u hu jagħtikom Difensur ieħor biex jibqa’ magħkom għal dejjem,

17l-Ispirtu tal-verità, li d-dinja ma tistax tirċevih, għax hija la tarah u lanqas tagħrfu. Iżda intom tagħrfuh, għaliex jgħammar magħkom, u huwa fikom.

18Ma nħallikomx iltiema. Nerġa’ niġi għandkom.

19Ftit ieħor, u d-dinja ma taranix aktar. Iżda intom għad tarawni, għax jiena ngħix, u intom ukoll għad tgħixu.

20F’dak il-jum intom tagħrfu li jiena f’Missieri, u intom fija u jiena fikom.

21Min iżomm il-kmandamenti tiegħi u jħarishom, dak hu li jħobbni; u min iħobb lili, iħobbu wkoll il-Missier, u jiena wkoll inħobbu u nurih lili nnifsi.”

22Ġuda - l-ieħor, mhux l-Iskarjota - qal lil Ġesù: “Mulej, din kif inhi li inti se turi ruħek lilna u mhux lid-dinja?”


© 2020 Malta Bible Society.

23Ġesù wieġbu: "Jekk xi ħadd iħobbni, iħares kelmti, u Missieri jħobbu, u aħna
niġu u ngħammru għandu.

24Min ma jħobbnix ma jħarisx kliemi. U l-kelma li qegħdin tisimgħu mhijiex
tiegħi, imma tal-Missier li bagħatni.

25"Għedtilkom dan meta għadni magħkom.

26Imma d-Difensur, l-Ispirtu s-Santu, li l-Missier jibgħat f'ismi, jgħallimkom
kollox u jfakkarkom dak kollu li għedtilkom.

27Jiena nħallilkom is-sliem; nagħtikom is-sliem tiegħi; ma nagħtihulkomx kif
tagħtih id-dinja. Tħallux qalbkom titħawwad u anqas titbeżża'.

28Smajtu x'għedtilkom: Jiena sejjer u nerġa' niġi għandkom. Kieku kontu
tħobbuni, kontu tifirħu li sejjer għand il-Missier, għax il-Missier hu akbar minni.

29U għedtilkom dan minn issa qabel ma jseħħ, biex meta jseħħ temmnu.

30M'iniex se nkellimkom iżjed fit-tul, għax il-Prinċep tad-dinja ġej. Kontra tiegħi
xejn ma jista' jagħmel;

31iżda ħalli d-dinja tagħraf li jiena nħobb lill-Missier u li nagħmel kif ordnali l-
Missier. Qumu! Ejjew nitilqu minn hawn!

## Ġwanni 15

### Ġesù hu d-dielja vera

1"Jiena d-dielja vera u Missieri l-bidwi.

2Kull fergħa fija li ma tagħmilx frott jaqtagħha; u kull waħda li tagħmel il-frott
jiżborha u jnaddafha, biex tagħmel frott aktar.

3Intom ġa ndaf minħabba l-kelma li għidtilkom.

4Ibqgħu fija, u jiena nibqa' fikom. Kif il-fergħa ma tistax tagħmel frott minnha
nfisha jekk ma tibqax fid-dielja, hekk anqas intom jekk ma tibqgħux fija.

5Jiena d-dielja, intom il-friegħi. Min jibqa' fija u jiena fih, dan jagħmel ħafna
frott; għax mingħajri ma tistgħu tagħmlu xejn.

6Jekk wieħed ma jibqax fija, jintrema barra bħal fergħa, u jinxef; imbagħad,
friegħi bħal dawn jiġbruhom u jixħtuhom fin-nar u jinħarqu.

7Jekk tibqgħu fija u kliemi jibqa' fikom, itolbu kulma tridu, u jingħatalkom.

8Din hi l-glorja ta' Missieri, li intom tagħmlu ħafna frott u tkunu dixxipli tiegħi.

9Kif ħabbni Missieri, hekk ħabbejtkom jiena. Ibqgħu fl-imħabba tiegħi.


© 2020 Malta Bible Society.

10Jekk tħarsu l-kmandamenti tiegħi, intom tibqgħu fi mħabbti, kif jiena ħarist
il-kmandamenti ta' Missieri u qiegħed f'imħabbtu.

11"Għedtilkom dan biex il-ferħ tiegħi jkun fikom, u biex il-ferħ tagħkom ikun
sħiħ.

12Dan hu l-kmandament tiegħi: li tħobbu lil xulxin kif ħabbejtkom jien.

13Hadd ma għandu mħabba akbar minn din: li wieħed jagħti ħajtu għal ħbiebu.

14Intom ħbiebi, jekk tagħmlu dak li jiena nikkmandakom.

15Ma nsejħilkomx aktar qaddejja, għax il-qaddej ma jafx x'jagħmel sidu;
sejjaħtilkom ħbieb, għaliex kulma smajt mingħand Missieri jiena
għarrafthulkom.

16Mhux intom għażiltu lili, imma jien għażilt lilkom, u ħtartkom biex tmorru
tagħmlu l-frott u l-frott tagħkom jibqa', ħalli kulma titolbu lill-Missier f'ismi,
huwa jagħtihulkom.

17Dan hu li qiegħed nikkmandakom: li tħobbu lil xulxin.

### Id-dinja tobgħodkom

18"Jekk id-dinja tobgħodkom, kunu afu li lili bagħditni qabel ma bagħdet lilkom.

19Kieku intom kontu tad-dinja, id-dinja kienet tħobbkom bħalma tħobb dak li
hu tagħha; iżda billi m'intomx tad-dinja, għax jien ħriġtkom mid-dinja, id-dinja
tobgħodkom.

20Ftakru fil-kelma li għedtilkom: il-qaddej mhuwiex akbar minn sidu. Jekk
ippersegwitaw lili, għad jippersegwitaw lilkom ukoll; jekk ħarsu l-kelma tiegħi,
għad iħarsu tagħkom ukoll.

21Imma dan kollu għad jagħmluhulkom minħabba f'ismi, għax huma ma jafux
lil dak li bagħatni.

22Kieku ma ġejtx u ma kellimthomx, ma kienx ikollhom ħtija; imma issa ma
għandhomx skuża ta' dnubhom.

23Min jobgħod lili, jobgħod ukoll lil Missieri.

24Kieku ma għamiltx quddiemhom l-opri li ħadd qatt ma għamel, ma kienx
ikollhom ħtija iżda issa raw b'għajnejhom u baqgħu jobogħdu sew lili u sew lil
Missieri.

25Imma dan ġara biex isseħħ il-kelma li hemm fil-Liġi tagħhom, 'Fuq xejn
bagħduni.'

26"Meta jiġi d-Difensur, li se nibagħtilkom mingħand il-Missier, l-Ispirtu tal-
verità, li ġej mill-Missier, huwa jixhed għalija.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

27U intom ukoll tixhdu, għax intom kontu miegħi sa mill-bidu.

## Ġwanni 16

1“Dawn il-ħwejjeġ għedthomlkom biex ma titfixklux.

2Ikeċċukom ’il barra mis-sinagogi, mhux biss, imma tasal is-siegħa meta min
joqtolkom jaħseb li jkun qiegħed jagħti qima lil Alla.

3Dan jagħmluh għax la għarfu lill-Missier u lanqas lili.

4Imma dan kollu għedthulkom biex, meta tasal is-siegħa li jagħmlulkom dan,
tiftakru li jiena għedthulkom.

### Il-ħidma tal-Ispirtu s-Santu

“Dan ma għedthulkomx mill-bidu, għaliex kont għadni magħkom.

5Issa sejjer għand dak li bagħatni, u ħadd minnkom ma jistaqsini, ‘Fejn sejjer?’

6Imma għax għedtilkom dan, qalbkom imtliet bin-niket.

7Madankollu, ngħidilkom is-sewwa, jaqblilkom li jiena mmur; għaliex, jekk ma
mmurx, id-Difensur ma jiġix għandkom; imma jekk immur, nibgħathulkom.

8U meta huwa jiġi, juri lid-dinja li għandha żball dwar id-dnub, il-ġustizzja u l-
ġudizzju;

9id-dnub, filli huma ma jemmnux fija;

10il-ġustizzja, filli jien sejjer għand il-Missier, u intom m’intomx se tarawni
iżjed;

11il-ġudizzju, filli l-Prinċep ta’ din id-dinja huwa ġa kkundannat.

12“Baqagħli ħafna ħwejjeġ x’ngħidilkom, imma għalissa ma tifilħux għalihom.

13Meta jiġi hu, l-Ispirtu tal-verità, iwassalkom għall-verità kollha; għaliex hu ma
jgħid xejn minn tiegħu, imma jgħid dak li jisma’, u jħabbrilkom il-ġejjieni.

14Hu jagħtini glorja, għaliex jieħu minn dak li hu tiegħi u jħabbru lilkom.

15Dak kollu li għandu l-Missier huwa tiegħi. Għalhekk għedt li jieħu minn dak li
hu tiegħi u jħabbru lilkom.

### In-niket tagħkom għad jitbiddel f’hena

16“Ftit ieħor u ma tarawnix aktar; imbagħad ftit ieħor u terġgħu tarawni.”

17Għalhekk xi wħud mid-dixxipli tiegħu bdew jgħidu bejniethom: “X’ifisser dan
li qiegħed jgħid, ‘Ftit ieħor u ma tarawnix aktar; imbagħad ftit ieħor u terġgħu
tarawni,’ u li ‘Jiena sejjer għand il-Missier’?”

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

18Għalhekk qalu: "X'inhu dan il-'ftit ieħor' li hu qiegħed jgħid? Ma nafux xi jrid jgħid!"

19Ġesù għaraf li xtaqu jistaqsuh. Għalhekk qalilhom: "Qegħdin tistaqsu lil xulxin fuq dak li għedt, 'Ftit ieħor u ma tarawnix aktar; imbagħad ftit ieħor u terġgħu tarawni'?

20Tassew tassew ngħidilkom, intom għad tibku u tingħu, iżda d-dinja għad tifraħ; għad iġġarrbu n-niket, imma n-niket tagħkom għad jitbiddel f'hena.

21Il-mara, meta tkun se tiled tħossha mdejqa, għax tkun waslet is-siegħa tagħha; iżda meta tkun twieldet it-tarbija, ma tiftakarx iżjed fl-uġigħ, bil-ferħ li twieled bniedem fid-dinja.

22Hekk intom, issa tħossukom imdejqa; imma għad nerġa' narakom u qalbkom tifraħ, u l-ferħ tagħkom ħadd ma jeħodhulkom.

23F'dak il-jum xejn ma tistaqsuni. Tassew tassew ngħidilkom, kulma titolbu lil Missieri f'ismi jagħtihulkom.

24Sa issa ma tlabtu xejn f'ismi. Itolbu u taqilgħu, biex il-ferħ tagħkom ikun sħiħ.

### Jiena rbaħt id-dinja

25"Dan għedthulkom bit-tixbihat. Għad tasal siegħa meta ma nkellimkomx aktar bit-tixbihat, imma bil-miftuħ inħabbrilkom dwar il-Missier.

26Dak inhar intom titolbu f'ismi, u ma ngħidilkomx li jien nitlob lill-Missier għalikom,

27għax il-Missier stess iħobbkom, billi intom ħabbejtu lili u emmintu li jiena ġejt mingħand Alla.

28Ħriġt mingħand il-Missier u ġejt fid-dinja. Se nerġa' nħalli d-dinja u mmur għand il-Missier."

29Id-dixxipli tiegħu qalulu: "Ara, issa qiegħed titkellem bil-miftuħ, u ebda tixbiha ma inti tgħid.

30Issa nafu li int taf kollox, u ma għandekx bżonn li wieħed jistaqsik. Għalhekk aħna nemmnu li inti ħriġt mingħand Alla."

31Weġibhom Ġesù: "Temmnu issa?

32Ara, għad tiġi siegħa, u ġa waslet, meta tixterdu kull wieħed lejn daru, u lili tħalluni waħdi. Iżda waħdi m'iniex, għax il-Missier huwa miegħi.

33Dawn il-ħwejjeġ għedthomlkom ħalli bija jkollkom is-sliem. Fid-dinja tbatu jkollkom. Iżda agħmlu l-qalb: jiena rbaħt id-dinja!"

## Ġwanni 17


© 2020 Malta Bible Society.

### It-talba ta' Ġesù għad-dixxipli

1Wara li qal dan, Ġesù rafa' għajnejh lejn is-sema u qal: "Missier, waslet is-
siegħa; agħti glorja lil Ibnek biex l-Iben jagħti glorja lilek,

2bħalma int tajtu s-setgħa fuq kull bniedem biex jagħti l-ħajja ta' dejjem lil dawk
kollha li inti fdajtlu.

3Din hi l-ħajja ta' dejjem, li jagħrfu lilek, Alla waħdek veru, u lil Ġesù Kristu, li
inti bgħatt.

4Jien igglorifikajt lilek fuq l-art billi temmejt ix-xogħol li tajtni nagħmel.

5U issa, Missier, igglorifika lili għandek, bil-glorja li kelli miegħek qabel ma
kienet id-dinja.

6"Jiena għarraft ismek lill-bnedmin li inti tajtni mid-dinja. Kienu tiegħek, u inti
tajthom lili, u huma ħarsu kelmtek.

7Issa jafu li dak kollu li tajtni ġej minnek;

8għaliex il-kliem li int tajt lili jiena tajtu lilhom, u huma laqgħuh u għarfu
tabilħaqq li jiena ħriġt minnek, u emmnu li inti bgħattni.

9Jiena għalihom nitlob; ma nitlobx għad-dinja, imma għal dawk li inti tajtni,
għaliex huma tiegħek,

10u dak kollu li hu tiegħi huwa tiegħek, u dak li hu tiegħek huwa tiegħi, u jien
igglorifikat permezz tagħhom.

11U jien ma għadnix aktar fid-dinja, iżda huma għadhom fid-dinja, u jiena ġej
għandek. Missier qaddis, ħarishom f'ismek dawk li inti tajtni, biex ikunu ħaġa
waħda bħalna.

12Kemm domt magħhom, jiena ħaristhom fl-isem tiegħek, l-isem li tajtni. U jiena
ħadt ħsiebhom, u ħadd minnhom ma ntilef ħlief bin it-telfien, biex isseħħ l-
Iskrittura.

13Imma issa jiena ġej għandek, u qiegħed ngħid dan, kif għadni fid-dinja, biex
huma jkollhom fihom il-ferħ sħiħ tiegħi.

14Jiena tajthom il-kelma tiegħek, u d-dinja bagħdithom, għaliex huma mhumiex
tad-dinja, kif jiena m'iniex tad-dinja.

15Ma nitolbokx li twarrabhom mid-dinja, imma li tħarishom mill-Ħażin.

16Huma mhumiex tad-dinja bħalma jiena m'iniex tad-dinja.

17Qaddishom permezz tal-verità; il-kelma tiegħek hi l-verità.

18Kif inti bgħatt lili fid-dinja, hekk jiena bgħatt lilhom fid-dinja.


© 2020 Malta Bible Society.

19 U jien minħabba fihom nagħti ħajti, biex huma wkoll ikunu mqaddsin permezz tal-verità.

20 “M’iniex nitlob għal dawn biss, imma wkoll għal dawk li għad jemmnu fija bis-saħħa tal-kelma tagħhom;

21 nitolbok li jkunu lkoll ħaġa waħda. Kif inti fija, Missier, u jiena fik, ħa jkunu huma wkoll ħaġa waħda fina, biex hekk id-dinja temmen li inti bgħattni.

22 Il-glorja li int tajt lili jiena tajtha lilhom, biex ikunu ħaġa waħda bħalma aħna ħaġa waħda:

23 jiena fihom u inti fija, biex isiru ħaġa waħda għalkollox, ħalli d-dinja tagħraf li inti bgħattni u li ħabbejt lilhom kif ħabbejt lili.

24 Missier, irrid li dawk li tajtni jkunu huma wkoll miegħi fejn inkun jien, biex jaraw il-glorja tiegħi, il-glorja li tajtni int, għaliex int ħabbejtni sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja.

25 Missier ġust, tassew li d-dinja ma għarfitekx, imma jien għaraftek, u dawn għarfu li inti bgħattni.

26 U jiena għarrafthom ismek u għad ngħarrafhulhom iżjed, biex l-imħabba li biha ħabbejtni tkun fihom u jiena fihom.”

## Ġwanni 18

### Ġesù ttradut u arrestat

(Mt 26,47-56; Mk 14,43-50; Lq 22,47-53)

1 Kif qal dan, Ġesù ħareġ mad-dixxipli tiegħu u qasam għan-naħa l-oħra tal-Wied ta’ Kedron; hemmhekk kien hemm ġnien, u daħal fih mad-dixxipli tiegħu.

2 Ġuda, dak li ttradieh, kien jafu l-post, għax Ġesù kien sikwit jinġabar hemm mad-dixxipli tiegħu.

3 Ġuda ħa ġemgħa suldati u xi għases mingħand il-qassisin il-kbar u l-Fariżej, u mar bihom hemmhekk, bil-fanali, torċi u armi.

4 Ġesù, li kien jaf b’kulma kien ġej fuqu, mar fuqhom u qalilhom: “Lil min qegħdin tfittxu?”

5 Huma weġbuh: “Lil Ġesù ta’ Nazaret.” U hu qalilhom: “Jiena hu.” Ġuda, dak li ttradieh, kien hemm magħhom huwa wkoll.

6 Kif Ġesù qalilhom, ‘Jiena hu’, huma resqu lura u waqgħu mal-art.

7 “Lil min qegħdin tfittxu?” raġa’ staqsiehom. U huma qalulu: “Lil Ġesù ta’ Nazaret.”

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[8]Ġesù weġibhom: "Għedtilkom li jiena hu. Jekk qegħdin tfittxu lili, ħallu lil dawn imorru."

[9]Dan sar biex iseħħ dak li Ġesù kien qal, 'Minn dawk li tajtni, anqas wieħed biss ma tlift.'

[10]Xmun Pietru kellu sejf, siltu, u darab lill-qaddej tal-qassis il-kbir u qatagħlu barra widintu l-leminija. Dan il-qaddej kien jismu Malku.

[11]Imma Ġesù qal lil Pietru: "Erġa' daħħal is-sejf fl-għant tiegħu. Forsi l-kalċi li tani Missieri ma nixorbux?"

### Ġesù quddiem il-qassis il-kbir

(Mt 26,27-58; Mk 14,53-54; Lq 22,54)

[12]Imbagħad is-suldati u l-kaptan tagħhom flimkien mal-għases tal-Lhud, qabdu lil Ġesù u rabtuh.

[13]L-ewwel ħaduh għand Anna, billi dan kien missier il-mara ta' Kajfa, il-qassis il-kbir f'dik is-sena.

[14]Kajfa kien dak li ta parir lil-Lhud li jkun jaqbel li bniedem wieħed imut għall-poplu.

### Pietru jiċħad lil Ġesù

(Mt 26,69-70; Mk 14,66-68; Lq 22,55-57)

[15]Xmun Pietru u dixxiplu ieħor marru wara Ġesù. Dan id-dixxiplu kien midħla tal-qassis il-kbir, u għalhekk daħal fil-bitħa tal-qassis il-kbir flimkien ma' Ġesù.

[16]Imma Pietru baqa' barra ħdejn il-bieb. Imbagħad id-dixxiplu l-ieħor, li kien midħla tal-qassis il-kbir, ħareġ ikellem lill-purtinara, u daħħal lil Pietru ġewwa.

[17]Il-qaddejja li kienet mal-bieb qalet lil Pietru: "Int m'intix ukoll wieħed mid-dixxipli ta' dan ir-raġel?" Hu weġibha: "Le, m'iniex."

[18]Il-qaddejja u l-għases kienu kebbsu n-nar mill-faħam, għax kien il-bard, u qagħdu hemm għas-sħana. U Pietru wkoll qagħad magħhom għas-sħana.

### Il-qassis il-kbir jistaqsi lil Ġesù

(Mt 26,59-66; Mk 14,55-64; Lq 22,66-71)

[19]Il-qassis il-kbir staqsa lil Ġesù fuq id-dixxipli u t-tagħlim tiegħu.

[20]Ġesù wieġbu: "Jiena tħadditt fil-beraħ, quddiem kulħadd. Għallimt dejjem fis-sinagoga u fit-tempju fejn jinġabru l-Lhud kollha, u bil-moħbi ma għedt xejn.

[21]Għalfejn qiegħed tistaqsi lili? Staqsi lil dawk li semgħuni, x'għedtilhom. Huma jafu x'għedt."

[22]Kif qal hekk, wieħed mill-għases li kien ħdejh ta daqqa ta' ħarta lil Ġesù u qallu: "Hekk twieġbu lill-qassis il-kbir?"


© 2020 Malta Bible Society.

23Ġesù qallu: "Jekk jien għedt xi ħaġa mhix sewwa, urini fejn; imma jekk għedt
is-sewwa, għaliex terfa' jdejk fuqi?"

24Imbagħad Anna bagħat lil Ġesù marbut għand Kajfa, il-qassis il-kbir.

### Pietru jerġa' jiċħad lil Ġesù

(Mt 26,71-75; Mk 14,69-72; Lq 22,58-62)

25Xmun Pietru mela kien qiegħed hemm għas-sħana; u qalulu: "Int m'intix ukoll
wieħed mid-dixxipli tiegħu?" Imma hu ċaħad u qal: "Le m'iniex."

26Wieħed mill-qaddejja tal-qassis il-kbir, li kien jiġi minn dak ir-raġel li Pietru
kien qatagħlu widintu, qal: "Mela jiena ma rajtekx miegħu fil-ġnien?"

27Pietru ċaħad għal darb'oħra; u minnufih idden is-serduk.

### Ġesù quddiem Pilatu

(Mt 27,1-2.11-14; Mk 15,1-5; Lq 23,1-5)

28Imbagħad ħadu lil Ġesù mingħand Kajfa għall-Pretorju. Kien filgħodu kmieni.
Huma ma daħlux fil-Pretorju, għax ma ridux jitniġġsu, biex ikunu jistgħu
jagħmlu l-ikla tal-Għid.

29Pilatu ħareġ barra ħdejhom u qalilhom: "X'akkuża għandkom kontra dan ir-
raġel?"

30U huma weġbuh: "Li kieku dan ma kienx raġel ħażin aħna ma konniex
nagħtuh f'idejk."

31Pilatu qalilhom: "Ħuduh intom, u ġġudikawh intom skont il-liġi tagħkom."
Imma l-Lhud qalulu: "Aħna ma għandna setgħa noqtlu lil ħadd."

32Dan ġara biex iseħħ dak li Ġesù kien qal meta fisser kif kellu jmut.

33Pilatu raġa' daħal fil-Pretorju, sejjaħ lil Ġesù u qallu: "Inti s-sultan tal-Lhud?"

34Ġesù wieġeb: "Dan qiegħed tgħidu int minn moħħok? Jew kienu oħrajn li
qalulek dan fuqi?"

35Pilatu wieġeb: "Mela jiena Lhudi? Kien il-poplu tiegħek u l-qassisin il-kbar li
tawk f'idejja. X'għamilt?"

36Ġesù wieġeb: "Is-saltna tiegħi mhijiex ta' din id-dinja. Li kieku saltnati kienet
ta' din id-dinja, l-għases tiegħi kienu jiġġieldu biex ma ningħatax f'idejn il-Lhud;
imma tabilħaqq saltnati mhijiex ta' hawn."

37Pilatu qallu: "Mela int sultan?" U Ġesù wieġeb: "Int qiegħed tgħidu; jien sultan.
Jien għalhekk twelidt, u għalhekk ġejt fid-dinja, biex nixhed għall-verità. U kull
min iħobb il-verità jisma' leħni."

38Pilatu qallu: "U l-verità x'inhi?"

### Ġesù kkundannat għall-mewt

(Mt 27,15-31; Mk 15,6-20; Lq 23,13-25)

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

Kif qal dan, raġa' ħareġ quddiem il-Lhud u qalilhom: "Jiena ma nsib ebda ħtija fih.

39Issa intom għandkom id-drawwa li neħilsilkom wieħed fil-Għid. Tridunix neħilsilkom lis-sultan tal-Lhud?"

40Hawn huma mill-ġdid bdew jgħajtu u jgħidu: "Mhux lil dan, imma lil Barabba." Dan Barabba kien brigant.

## Ġwanni 19

1Imbagħad Pilatu ordna li jieħdu lil Ġesù u jagħtuh is-swat.

2Is-suldati nisġu kuruna tax-xewk u qegħduhielu fuq rasu, u libbsuh mantar aħmar skur.

3U bdew ġejjin quddiemu u jgħidulu: "Is-sliem għalik, ja sultan tal-Lhud!" U bdew jagħtuh bil-ħarta.

4Għal darb' oħra Pilatu ħareġ barra jgħidilhom: "Araw, se nġibhulkom quddiemkom hawn barra, biex tkunu tafu li jien ma nsib ebda ħtija fih."

5U Ġesù ħareġ hemm barra, liebes il-kuruna tax-xewk u l-mantar aħmar; u Pilatu qalilhom: "Arawh, hawn hu l-bniedem!"

6X'ħin rawh, il-qassisin il-kbar u l-għases bdew jgħajtu u jgħidu: "Sallbu! Sallbu!" Pilatu qalilhom: "Ħuduh u sallbuh intom; jiena ma nsib ebda ħtija fih."

7Il-Lhud weġbuh: "Aħna għandna liġi, u skont din il-liġi għandu jmut, għax għamel lilu nnifsu Bin Alla."

8Meta sama' dan, Pilatu aktar baża'.

9Raġa' daħal fil-Pretorju u qal lil Ġesù: "Int mnejn int?" Imma Ġesù ma wieġbu xejn.

10Għalhekk Pilatu qallu: "Lili ma tkellimx? Ma tafx li jiena għandi s-setgħa neħilsek u għandi s-setgħa nsallbek?"

11Ġesù wieġbu: "Ma kien ikollok ebda setgħa fuqi kieku ma ġietx mogħtija lilek minn fuq; għalhekk min ta lili f'idejk għandu ħtija akbar."

12Minn dak il-ħin 'il quddiem Pilatu beda jfittex kif jeħilsu; imma l-Lhud issuktaw jgħajtu u jgħidu: "Jekk teħles lil dan, tiksirha ma' Ċesari, għax kull min jagħmel lilu nnifsu sultan ikun qiegħed jeħodha kontra Ċesari."

13Meta semagħhom jgħidu dan, Pilatu ġieb lil Ġesù barra u qiegħdu fuq sedja għolja, fil-post imsejjaħ Litòstrotos, bil-Lhudi Gabbatà.

14Kien Jum it-Tħejjija tal-Għid, għall-ħabta tas-sitt siegħa. Pilatu qal lil-Lhud: "Arawh is-sultan tagħkom!"

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

15 Dawk infexxew jgħajtu: “Għall-mewt! Għall-mewt! Sallbu!” Pilatu qalilhom: “Jien se nsallab lis-sultan tagħkom?” Imma l-qassisin il-kbar weġbuh: “Aħna ma għandniex sultan ħlief lil Ċesari!”

16 Fl-aħħar tahulhom f’idejhom biex isallbuh.

### Ġesù msallab

(Mt 27,32-44; Mk 15,21-32; Lq 23,26-43)

U huma ħadu lil Ġesù.

17 Ġesù rafa’ s-salib u ħareġ lejn il-post imsejjaħ ‘il-Qorriegħa’, bil-Lhudi Golgota.

18 Hemm huma sallbuh ma’ tnejn oħra, wieħed kull naħa, u Ġesù fin-nofs.

19 Pilatu għamel kitba u waħħalha fuq is-salib; fiha kien hemm miktub, “Ġesù ta’ Nazaret, is-sultan tal-Lhud.”

20 Din il-kitba qrawha ħafna Lhud, għax il-post fejn sallbu lil Ġesù kien qrib il-belt, u l-kitba kienet bil-Lhudi, bil-Latin u bil-Grieg.

21 Għalhekk il-qassisin il-kbar tal-Lhud marru jgħidu lil Pilatu: “Ma kienx imissek tikteb, ‘Is-sultan tal-Lhud,’ imma li ‘Dan qal: Jiena sultan tal-Lhud.’ ”

22 Pilatu wieġeb: “Issa li ktibt ktibt!”

23 Wara li sallbu lil Ġesù, is-suldati ħadu l-ilbies tiegħu u qassmuh f’erbgħa, sehem lil kull wieħed minnhom. U ħadu wkoll it-tunika; din kienet libsa bla ħjata, minsuġa biċċa waħda minn fuq s’isfel.

24 Ftiehmu bejniethom u qalu: “Ma nqattgħuhiex, iżda nitfgħu x-xorti għaliha, u lil min tmiss jeħodha.” Dan ġara biex isseħħ l-Iskrittura li tgħid, “Ħwejġi qasmu bejniethom, u għall-ilbies tiegħi tefgħu x-xorti.” U dan tabilħaqq għamluh is-suldati.

25 Kien hemm wieqfa ħdejn is-salib ta’ Ġesù ommu, oħt ommu, Marija ta’ Kleofa, u Marija ta’ Magdala.

26 Mela kif Ġesù lemaħ lil ommu u lid-dixxiplu li kien iħobb wieqaf ħdejha, qal lil ommu: “Mara, hawn hu ibnek.”

27 Imbagħad qal lid-dixxiplu: “Hawn hi ommok.” U minn dak il-ħin id-dixxiplu ħadha għandu.

### Il-mewt ta’ Ġesù

(Mt 27,45-56; Mk 15,33-41; Lq 23,44-49)

28 Wara dan, Ġesù, billi issa kien jaf li kollox kien mitmum, biex isseħħ l-Iskrittura qal: “Għandi l-għatx!”

29 Kien hemm bieqja mimlija bil-ħall; huma xarrbu sponża bil-ħall, waħħluha ma’ qasba tal-issopu, u ressquhielu lejn ħalqu.


© 2020 Malta Bible Society.

30Kif Ġesù ħa l-ħall, qal: "Kollox hu mitmum!" Imbagħad mejjel rasu u radd ruħu.

### Il-ġenb minfud ta' Ġesù

31Billi kien Jum it-Tħejjija tal-Għid, il-Lhud ma ridux li f'jum is-Sibt l-iġsma jibqgħu fuq is-salib, għax dak is-Sibt kien jum solenni għalihom. Talbu mela lil Pilatu biex jiksrulhom riġlejhom u jneħħu l-iġsma.

32Għalhekk ġew is-suldati u kisru r-riġlejn tal-ewwel u tat-tieni wieħed li kienu msallbin miegħu.

33Iżda meta waslu għal Ġesù, billi raw li kien ġa mejjet, ma kisrulux riġlejh.

34Madankollu wieħed mis-suldati nifidlu ġenbu b'lanza, u minnufih ħareġ demm u ilma.

35Dan qiegħed jixhdu min ra b'għajnejh, u x-xhieda tiegħu hija minnha. Hu jaf li qiegħed jgħid il-verità, biex intom ukoll temmnu.

36Għax dan ġara biex isseħħ l-Iskrittura li tgħid, 'Ebda waħda minn għadmu ma jkissrulu.'

37U hemm ukoll kitba oħra fl-Iskrittura li tgħid, 'Huma għad iħarsu lejn min nifdu.'

### Id-difna ta' Ġesù

(Mt 27,57-61; Mk 15,42-47; Lq 23,50-56)

38Wara dan, Ġużeppi minn Arimatija, li kien dixxiplu ta' Ġesù bil-moħbi għax kien jibża' mil-Lhud, mar u talab lil Pilatu biex jieħu l-ġisem ta' Ġesù. Pilatu ħallieh, u hu ġie u ħa l-ġisem tiegħu.

39Ġie wkoll Nikodemu, dak li qabel kien mar għand Ġesù billejl, u ġieb miegħu taħlita ta' morr u sabbara, tiżen xi mitt libbra.

40Dawn it-tnejn ħadu l-ġisem ta' Ġesù u kebbewh bil-faxex tal-għażel bil-fwejjaħ, kif soltu jagħmlu l-Lhud qabel id-difna.

41Fejn kienu sallbu lil Ġesù kien hemm ġnien, u f'dan il-ġnien kien hemm qabar ġdid li fih kienu għadhom ma difnu lil ħadd.

42Hemm qiegħdu lil Ġesù, għax kien Jum it-Tħejjija għal-Lhud, u għax il-qabar kien fil-qrib.

## Ġwanni 20

### Il-qawmien ta' Ġesù mill-imwiet

(Mt 28,1-10; Mk 16,1-8; Lq 24,1-12)

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

1Kien l-ewwel jum tal-ġimgħa, filgħodu kmieni kif kien għadu d-dlam, u Marija ta' Magdala ġiet ħdejn il-qabar u rat il-blata mneħħija mill-qabar.

2Għalhekk telqet tiġri għand Xmun Pietru u għand id-dixxiplu l-ieħor li kien iħobb Ġesù, u qaltilhom: "Qalgħu l-Mulej mill-qabar, u ma nafux fejn qegħduh!"

3Pietru u d-dixxiplu l-ieħor ħarġu u ġew ħdejn il-qabar.

4It-tnejn ġrew flimkien, imma d-dixxiplu l-ieħor ħaffef aktar minn Pietru u laħaq qablu ħdejn il-qabar.

5Tbaxxa, u ra l-faxex tal-għażel imqiegħda hemm, iżda ma daħalx.

6Imbagħad wasal warajh Xmun Pietru, daħal fil-qabar, u ra l-faxex tal-għażel imqiegħda hemm,

7u l-maktur li kien madwar rasu; dan ma kienx mal-faxex, imma mitwi u mqiegħed f'post għalih.

8Imbagħad id-dixxiplu l-ieħor, li kien wasal l-ewwel ħdejn il-qabar, daħal hu wkoll, ra, u emmen.

9Sa dak in-nhar kienu għadhom ma fehmux l-Iskrittura li tgħid li kellu jqum mill-imwiet.

10Imbagħad id-dixxipli reġgħu lura lejn sħabhom.

### Ġesù jidher lil Marija ta' Magdala

(Mk 16,9-11)

11Iżda Marija baqgħet 'il barra mill-qabar, tibki. Kif kienet qiegħda tibki, tbaxxiet lejn il-qabar,

12u rat żewġ anġli lebsin l-abjad, bilqiegħda, wieħed in-naħa tar-ras u l-ieħor in-naħa tar-riġlejn fejn kienu qiegħdu l-ġisem ta' Ġesù.

13Huma qalulha: "Mara, għalfejn qiegħda tibki?" Hi wieġbet: "Għax ħadu lil Sidi, u ma nafux fejn qegħduh."

14Kif qalet hekk, daret lura u rat lil Ġesù wieqaf, iżda ma ntebħitx li kien Ġesù.

15Ġesù qalilha: "Mara, għalfejn qiegħda tibki? Lil min qiegħda tfittex?" Hi ħasbet li kien il-ġardinar, u qaltlu: "Sinjur, jekk ħadtu int minn hawn, għidli fejn qegħedtu, u jiena nġibu lura."

16Ġesù sejħilha: "Marjam!" Hi daret u qaltlu bil-Lhudi: 'Rabbuni!' jiġifieri Mgħallem.

17Ġesù qalilha: "La tmissnix, għax għadni ma tlajtx għand il-Missier; imma mur għand ħuti u għidilhom li se nitla' għand Missieri u Missierkom, Alla tiegħi u Alla tagħkom."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

18Marija ta' Magdala marret għand id-dixxipli u tathom l-aħbar: "Rajt lill-Mulej",
u qaltilhom x'qalilha.

### Ġesù jidher lid-dixxipli tiegħu

(Mt 28,16-20; Mk 16,14-18; Lq 24,36-49)

19Dak in-nhar filgħaxija, fl-ewwel jum tal-ġimgħa, meta d-dixxipli kienu
flimkien imbeżżgħa mil-Lhud, bil-bibien magħluqa, ġie Ġesù u qagħad
f'nofshom; u qalilhom: "Is-sliem għalikom!"

20Kif qal hekk, uriehom idejh u ġenbu. Id-dixxipli ferħu meta raw lill-Mulej.

21Imbagħad Ġesù tenna jgħidilhom: "Is-sliem għalikom! Kif il-Missier bagħat
lili, hekk jien nibgħat lilkom."

22Kif qal hekk, nefaħ fuqhom u qalilhom: "Ħudu l-Ispirtu s-Santu.

23Dawk li taħfrulhom dnubiethom ikunu maħfura, u dawk li żżommuhomlhom
ikunu miżmuma."

### Ġesù u Tumas

24Tumas, wieħed mit-Tnax, jgħidulu t-Tewmi, ma kienx magħhom meta ġie
Ġesù.

25Għalhekk id-dixxipli l-oħra qalulu: "Rajna l-Mulej." Iżda hu qalilhom: "Jekk ma
narax f'idejh il-marka tal-imsiemer u ma nqiegħedx sebgħi fuq il-marka tal-
imsiemer u idi fuq ġenbu, jien ma nemminx."

26Tmint ijiem wara, id-dixxipli reġgħu kienu ġewwa, u Tumas magħhom. Il-
bibien kienu magħluqa, imma Ġesù daħal, qagħad f'nofshom, u qalilhom: "Is-
sliem għalikom!"

27Imbagħad qal lil Tumas: "Ġib sebgħek hawn u ara idejja, u ressaq idek u
qegħedha fuq ġenbi; tkunx bniedem bla fidi, iżda emmen."

28Wieġeb Tumas u qallu: "Mulej tiegħi u Alla tiegħi!"

29Qallu Ġesù: "Emmint għax rajtni! Henjin dawk li ma rawx u emmnu."

### Għalfejn inkiteb dan il-ktieb

30Hemm ħafna sinjali oħra li Ġesù għamel quddiem id-dixxipli tiegħu u li
mhumiex imniżżla f'dan il-ktieb.

31Iżda dawn inkitbu sabiex intom temmnu li Ġesù hu l-Messija l-Iben ta' Alla, u
biex bit-twemmin tagħkom ikollkom il-ħajja f'ismu.

## Ġwanni 21

### Ġesù jidher lil seba' dixxipli

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

1Wara dan, Ġesù raġa' deher lid-dixxipli ħdejn il-baħar ta' Tiberija. Dehrilhom hekk:

2Xmun Pietru, Tumas, li jgħidulu t-Tewmi, Natanjel minn Kana tal-Galilija, ulied Żebedew u tnejn oħra mid-dixxipli tiegħu kienu flimkien,

3u Xmun Pietru qalilhom: "Sejjer nistad." Qalulu: "Ħa niġu miegħek aħna wkoll." Marru, rikbu d-dgħajsa, u dak il-lejl ma qabdu xejn.

4Filgħodu mas-sebħ, Ġesù kien qiegħed ix-xatt, imma d-dixxipli ma kinux jafu li kien Ġesù.

5Ġesù qalilhom: "Għandkom x'tieklu, ħbieb?" "Le," weġbuh.

6Qalilhom: "Waddbu x-xibka n-naħa tal-lemin tad-dgħajsa u ssibu." Dawn waddbu x-xibka, u mbagħad ma felħux jiġbduha daqs kemm qabdu ħut!

7Id-dixxiplu li kien iħobb Ġesù qal lil Pietru: "Il-Mulej dan!" Għalhekk Xmun Pietru, kif sama' li kien il-Mulej, xeħet fuqu l-libsa ta' fuq, għax kien għoddu għeri, u ntafa' l-baħar.

8Id-dixxipli l-oħra, billi ma kinux imbiegħda wisq mill-art, imma xi mitejn driegħ biss, resqu bid-dgħajsa jkaxkru warajhom ix-xibka bil-ħut.

9Kif niżlu l-art, raw li kien hemm xi faħam jaqbad, bil-ħut fuqu, u xi ftit ħobż.

10Qalilhom Ġesù: "Newlu 'l hawn xi ħutiet minn dawk li għadkom kemm qbadtu."

11Xmun Pietru tala' fid-dgħajsa u ġibed l-art ix-xibka mimlija b'mija u tlieta u ħamsin ħuta kbira; u minkejja daqshekk ħut, ix-xibka ma nqasmitx.

12Qalilhom Ġesù: "Ejjew, kulu." Imma ħadd mid-dixxipli ma ssogra jistaqsih, 'Int min int?', għax kienu jafu li kien il-Mulej.

13Ġesù resaq, qabad il-ħobż u newwilhulhom; u hekk ukoll għamel bil-ħut.

14Din kienet ġa t-tielet darba li Ġesù deher lid-dixxipli wara l-qawmien tiegħu mill-imwiet.

### Ġesù u Pietru

15Wara li kielu xi ħaġa, Ġesù qal lil Xmun Pietru: "Xmun bin Ġwanni, tħobbni int aktar minn dawn?" "Iva, Mulej," wieġbu, "int taf li nħobbok." Qallu: "Irgħa l-ħrief tiegħi."

16Staqsieh għat-tieni darba: "Xmun bin Ġwanni, tħobbni int?" "Iva, Mulej," wieġbu, "int taf li nħobbok." Qallu: "Irgħa n-nagħaġ tiegħi."

17Għat-tielet darba staqsieh: "Xmun bin Ġwanni, tħobbni?" Pietru ħass għafsa ta' qalb għax staqsieh għat-tielet darba, 'Tħobbni?' u qallu: "Mulej, int taf kollox, inti taf li nħobbok." Qallu Ġesù: "Irgħa n-nagħaġ tiegħi.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

18Tassew tassew ngħidlek, meta kont żagħżugħ, kont titħażżem waħdek u tmur
fejn trid; imma meta tixjieħ, int tiftaħ idejk u ħaddieħor iħażżmek u jieħdok fejn
ma tkunx trid!"

19Dan qalu biex ifisser b'liema mewta kien sejjer jagħti glorja lil Alla. Imbagħad
Ġesù ssokta jgħidlu: "Ejja warajja."

### Ġesù u d-dixxiplu li kien iħobb

20Pietru dar, u ra lid-dixxiplu li kien iħobb Ġesù miexi warajhom, dak id-
dixxiplu li waqt l-ikla kien imtedd fuq sider Ġesù u qallu, 'Mulej, min hu li se
jittradik?'

21Pietru, mela, kif ra lil dan, qal lil Ġesù: "U dan, Mulej, x'se jsir minnu?"

22Ġesù qallu: "Inti x'inhi affarik jekk jiena rridu jibqa' sa ma niġi? Int imxi
warajja!"

23B'hekk ġriet ix-xniegħa fost l-aħwa li dak id-dixxiplu ma kienx se jmut.
Madankollu Ġesù ma qalx li ma kienx se jmut, imma biss, 'Jekk irridu jibqa' sa
ma niġi, inti x'inhi affarik?'

### Ix-xhieda tad-Dixxiplu

24Dan huwa d-dixxiplu li qiegħed jagħti xhieda għal dan kollu u li kiteb dawn il-
ħwejjeġ, u aħna nafu li x-xhieda tiegħu hi minnha.

25Iżda hemm ukoll bosta ħwejjeġ oħra li għamel Ġesù. Li kieku wieħed kellu
jikteb kollox ħaġa b'ħaġa, naħseb li anqas id-dinja stess ma kienet tesagħhom
il-kotba li kienu jinkitbu.


© 2020 Malta Bible Society.

# Atti tal-Appostli

## Atti tal-Appostli 1

### Il-wegħda tal-Ispirtu s-Santu

1Fl-ewwel rakkont tiegħi, Teofilu, tkellimt fuq dak kollu li Ġesù kien għamel u għallem minn mindu beda

2sal-jum li fih kien meħud fis-sema, wara li, permezz tal-Ispirtu s-Santu, ta l-ordnijiet tiegħu lill-appostli li hu kien għażel.

3Wara l-passjoni tiegħu dehrilhom u tahom ħafna provi li hu ħaj; f'erbgħin jum rawh kemm-il darba u kellimhom fuq il-ħwejjeġ tas-Saltna ta' Alla.

4Meta kien għadu magħhom, ordnalhom biex ma jitilqux minn Ġerusalemm, imma joqogħdu jistennew sa ma sseħħ il-wegħda tal-Missier, "li fuqha", qalilhom, "smajtu x'kont għedtilkom.

5Jiġifieri, li Ġwanni għammed bl-ilma, imma intom fi ftit jiem oħra titgħammdu bl-Ispirtu s-Santu."

### Tlugħ il-Mulej fis-sema

6Kif kienu flimkien staqsewh: "Mulej, hu dan iż-żmien li fih int se terġa' twaqqaf is-Saltna ta' Iżrael?"

7Hu weġibhom: "Mhijiex biċċa tagħkom li tkunu tafu l-waqt u ż-żmien li l-Missier għażel bis-setgħa tiegħu.

8Imma meta jiġi fuqkom l-Ispirtu s-Santu, intom tirċievu l-qawwa, u tkunu xhieda tiegħi f'Ġerusalemm, fil-Lhudija kollha u s-Samarija u sa truf l-art."

9Wara li qal dan, huma u jħarsu lejh, kien meħud 'il fuq, u sħaba ħadithulhom minn quddiem għajnejhom.

10Waqt li kienu b'għajnejhom fis-sema jħarsu lejh sejjer, f'daqqa waħda dehru ħdejhom żewġ irġiel libsin l-abjad,

11u qalulhom: "Irġiel tal-Galilija, x'intom tħarsu lejn is-sema? Dan Ġesù, li kien meħud minn magħkom lejn is-sema, għad jerġa' jiġi kif rajtuh sejjer."

### L-għażla ta' Mattija

12Imbagħad reġgħu lura lejn Ġerusalemm mill-għolja msejħa taż-Żebbuġ, li hi 'l bogħod mill-belt daqs il-mixja tas-Sibt.

13Xħin daħlu l-belt, telgħu fil-kamra ta' fuq tad-dar fejn kienu joqogħdu. Huma kienu: Pietru u Ġwanni, Ġakbu u Indrì, Filippu u Tumas, Bartilmew u Mattew, Ġakbu bin Alfew, u Xmun jgħidulu l-Imħeġġeġ, u Ġuda bin Ġakbu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

14U lkoll qalb waħda kienu jitolbu flimkien ma' xi nisa u ma' Marija, omm Ġesù,
u ma' ħutu.

15F'dawk il-jiem, Pietru qam f'nofs il-ġemgħa tal-aħwa, li kienu b'kollox
madwar mija u għoxrin ruħ, u qalilhom:

16"L-aħwa, jeħtieġ li sseħħ l-Iskrittura, dak li l-Ispirtu s-Santu ħabbar b'fomm
David fuq Ġuda, li kien il-mexxej ta' dawk li qabdu lil Ġesù.

17Għax hu kien wieħed minna u kellu sehmu f'dan il-ministeru tagħna.

18Issa dan Ġuda kien xtara għalqa bil-qligħ inġust tiegħu; u hemm waqa' għal
rasu, inqasam minn nofsu u ħarġulu msarnu kollha.

19In-nies kollha ta' Ġerusalemm saru jafu b'dan, u bdew isejħu lil dik l-għalqa
bl-ilsien tagħhom Hakeldama, jiġifieri l-għalqa tad-demm.

20Hemm miktub fil-Ktieb tas-Salmi, 'Issir ħerba d-dar tiegħu, u ma jkun hemm
ħadd li jgħammar fiha; u ħaddieħor jeħodlu xogħlu.'

21Jeħtieġ għalhekk li jingħażel wieħed minn dawk li ssieħbu magħna tul iż-
żmien kollu li l-Mulej Ġesù kien dieħel u ħiereġ magħna,

22ibda mill-magħmudija ta' Ġwanni sa dak in-nhar li kien meħud minn magħna,
u jkun flimkien magħna xhud tal-qawmien tiegħu mill-imwiet."

23Imbagħad ressqu tnejn, Ġużeppi msejjaħ Barsaba, li jgħidulu wkoll Ġustu, u
Mattija.

24U talbu hekk: "Mulej, int li tagħraf il-qalb ta' kulħadd, uri liema minn dawn it-
tnejn int għażilt

25biex jieħu l-post ta' dan il-ministeru u l-appostolat li minnu telaq Ġuda biex
imur fejn kien jistħoqqlu."

26Imbagħad tefgħu x-xorti, li waqgħet fuq Mattija, u dan issieħeb mal-ħdax-l
appostlu.

## Atti tal-Appostli 2

### Il-miġja tal-Ispirtu s-Santu

1Meta wasal jum Għid il-Ħamsin, huma kienu lkoll flimkien f'post wieħed.

2F'daqqa waħda ġie mis-sema ħoss bħal ta' riħ qawwi, u mela d-dar kollha fejn
kienu qegħdin.

3U dehrulhom ilsna qishom tan-nar, li tqassmu u qagħdu fuq kull wieħed
minnhom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

4Imtlew ilkoll bl-Ispirtu s-Santu u bdew jitkellmu b'ilsna oħra, skont ma l-
Ispirtu kien jagħtihom li jitkellmu.

5F'Ġerusalemm kien hemm xi Lhud, nies twajba minn kull nazzjon li hawn taħt
is-sema.

6Malli nstama' dan il-ħoss, inġabret kotra kbira, ilkoll imħawdin għax kull
wieħed minnhom kien jismagħhom jitkellmu bl-ilsien tiegħu:

7Miblugħin u mistagħġbin, bdew jgħidu: "Dawn li qegħdin jitkellmu mhumiex
ilkoll mill-Galilija?

8Mela kif kull wieħed minna qiegħed jismagħhom jitkellmu bi lsien art twelidu?

9Partin, Medin u Għelamin, nies mill-Mesopotamja, mil-Lhudija, mill-
Kappadoċja, minn Pontu, mill-Asja,

10mill-Friġja, mill-Pamfilja, mill-Eġittu, mill-inħawi tal-Libja madwar Ċireni,
nies li ġew minn Ruma,

11kemm Lhud u kemm prosèliti, oħrajn minn Kreta u Għarab, aħna lkoll
qegħdin nisimgħuhom ixandru bl-ilsna tagħna l-għeġubijiet ta' Alla!"

12U lkoll, mitlufa bl-għaġeb, bdew jgħidu wieħed lill-ieħor: "Dan xi jkun?"

13Oħrajn bdew jiddieħku u jgħidu: "Dawn xorbu l-inbid ġdid!"

## Id-diskors ta' Pietru f'Għid il-Ħamsin

14Imma Pietru, flimkien mal-Ħdax, qam u qal lil-Lhud b'leħen għoli: "Nies tal-
Lhudija, u intom ilkoll li toqogħdu f'Ġerusalemm, kunu afu dan u isimgħu
sewwa x'se ngħidilkom jien.

15Le, dawn mhumiex fis-sakra, kif qegħdin taħsbu intom; għax għadhom id-
disgħa ta' filgħodu.

16Imma dan mhux ħlief dak li ntqal permezz tal-profeta Ġoel,

17 'U jiġri fl-aħħar jiem, jgħid Alla, li jiena nsawwab mill-Ispirtu tiegħi fuq kull
bniedem; u jħabbru wliedkom, subien u bniet, u ż-żgħażagħ tagħkom jaraw
dehriet, u x-xjuħ tagħkom joħolmu ħolmiet;

18 u wkoll fuq il-qaddejja tiegħi, irġiel u nisa, insawwab f'dawk il-jiem mill-
Ispirtu tiegħi, u jħabbru.

19 U jien nagħmel għeġubijiet fl-għoli tas-smewwiet, u sinjali isfel fl-art: demm
u nar u dħaħen kbar.

20 Ix-xemx tinbidel fi dlam, u l-qamar f'demm, qabel ma jasal jum il-Mulej, jum
kbir u glorjuż.

21 U jiġri li kull min isejjaħ isem il-Mulej ikun salv.'

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

22“Poplu ta’ Iżrael, isimgħu dan li se ngħidilkom. Ġesù ta’ Nazaret kien bniedem
li Alla takom prova tiegħu permezz tal-mirakli u l-għeġubijiet u s-sinjali li
għamel bih fostkom, kif intom stess tafu.

23Lil dan Ġesù, Alla telaqhulkom f’idejkom skont l-għerf u l-pjan li fassal minn
qabel, u intom neħħejtuh billi sallabtuh permezz ta’ nies ħżiena;

24imma Alla qajmu mill-imwiet billi ħall l-irbit tal-mewt, għaliex ma setax ikun
li l-mewt iżżommu taħt is-setgħa tagħha.

25Għax David jgħid fuqu, ‘Żammejt lill-Mulej dejjem quddiemi, għax hu fuq il-
lemin tiegħi, biex qatt ma nitħarrek.

26 Għalhekk ferħet qalbi u mtela bl-hena lsieni; u ġismi wkoll jistrieħ fit-tama,

27 għax inti ma titlaqx fl-imwiet lil ruħi, u ma tħallix il-Qaddis tiegħek jara t-
taħsir.

28 Inti għarraftni t-triq tal-ħajja, timlieni bil-ferħ meta nkun quddiemek.’

29“L-aħwa, ħalluni ngħidhielkom kif inħossha fuq il-patrijarka David; hu miet u
kien midfun u l-qabar tiegħu għadu magħna sal-lum stess.

30Issa hu kien profeta, u kien jaf li Alla ħaliflu b’ġurament li kellu jqiegħed fuq
it-tron tiegħu bniedem ġej minn nislu.

31David ra minn qabel u ħabbar il-qawmien tal-Messija, u qal, ‘La kien mitluq
fl-imwiet u lanqas ġismu ma ra t-taħsir.’

32Lil dan Ġesù, Alla qajmu mill-imwiet, u ta’ dan aħna lkoll xhieda.

33Għalhekk, issa li Alla għollieh bil-leminija tiegħu, huwa rċieva mingħand il-
Missier l-Ispirtu s-Santu li kien imwiegħed, u sawbu fuqna, kif qegħdin taraw u
tisimgħu.

34David ma telax fis-smewwiet, iżda hu nnifsu jgħid, ‘Il-Mulej qal lil Sidi:
Oqgħod fuq il-lemin tiegħi,

35 sa ma nkun qegħedt l-għedewwa tiegħek taħt riġlejk.’

36Mela ħa jkun jaf fiż-żgur il-poplu kollu ta’ Iżrael li lil dan Ġesù, li intom
sallabtuh, Alla għamlu Mulej u Messija.”

37Dan il-kliem li semgħu laqtilhom qalbhom, u qalu lil Pietru u lill-appostli l-
oħra: “L-aħwa, x’għandna nagħmlu aħna?”

38U Pietru weġibhom: “Indmu, u jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta’
Ġesù Kristu għall-maħfra ta’ dnubietkom; u intom tirċievu d-don tal-Ispirtu s-
Santu.


© 2020 Malta Bible Society.

39Għax il-wegħda qiegħda għalikom u għal uliedkom u għal dawk kollha li huma
fil-bogħod, dawk kollha li l-Mulej Alla tagħna sejħilhom."

40U b'ħafna kliem ieħor tahom xhieda u wissiehom billi qalilhom: "Salvaw
lilkom infuskom minn dan in-nisel ħażin."

41Għalhekk dawk li laqgħu kliemu tgħammdu u dak in-nhar ingħaqdu mad-
dixxipli madwar tlitt elef ruħ.

42U kienu jżommu sħiħ fit-tagħlim tal-appostli u fl-għaqda ta' bejniethom, fil-
qsim tal-ħobż u fit-talb.

### Il-ħajja tal-ewwel dixxipli

43Waqa' mbagħad il-biża' fuq kulħadd għax ħafna kienu l-mirakli u s-sinjali li
kienu jsiru permezz tal-appostli.

44Dawk kollha li kienu jemmnu kienu ħaġa waħda, u kienu jaqsmu kollox
bejniethom,

45ibigħu ġidhom u kulma kellhom u jqassmu d-dħul bejn kulħadd, skont il-
ħtieġa ta' kull wieħed.

46U kuljum kienu jmorru fit-tempju flimkien, jaqsmu l-ħobż fi djarhom, u
jissieħbu fl-ikel bi qlub ferħana u safja;

47u kienu jfaħħru lil Alla, u l-poplu kollu kien iġibhom. U minn jum għal ieħor il-
Mulej kien iżidilhom magħhom lil dawk li jkunu salvi.

## Atti tal-Appostli 3

### Fejqan tal-magħtub ħdejn il-bieb tat-tempju

1Pietru u Ġwanni kienu telgħin lejn it-tempju għat-talb tat-tlieta ta' wara
nofsinhar.

2U xi wħud kienu qegħdin iġorru raġel magħtub minn twelidu, li kienu
jqegħduh kuljum ħdejn il-bieb tat-tempju, li jgħidulu s-Sabiħ, biex jitlob il-
karità lil dawk li jkunu deħlin fit-tempju.

3Xħin ra lil Pietru u 'l Ġwanni deħlin fit-tempju talabhom il-karità.

4Pietru, flimkien ma' Ġwanni, tefa' għajnejh fuqu u qallu: "Hares lejna."

5Dak baqa' jħares lejhom, jistenna li se jaqla' xi ħaġa minn għandhom.

6Imma Pietru qallu: "Fidda u deheb ma għandix; imma dak li għandi se
nagħtihulek: fl-isem ta' Ġesù Kristu ta' Nazaret, imxi!"

7U qabdu minn idu l-leminija u qajmu. Minnufih riġlejh u l-għekiesi tiegħu ħadu
saħħithom;

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

8u malajr qabeż fuq riġlejh u beda jimxi. U daħal magħhom fit-tempju, jimxi u jaqbeż bil-ferħ u jfaħħar lil Alla.

9Il-poplu kollu rah miexi u jfaħħar lil Alla;

10għarfu li hu kien l-istess wieħed li soltu kien jitlob il-karità ħdejn il-Bieb is-Sabiħ tat-tempju. U baqgħu mistagħġba u miblugħa b'dak li ġralu.

**Id-diskors ta' Pietru ħdejn il-portiku ta' Salamun**

11Waqt li hu kien imqabbad ma' Pietru u Ġwanni, in-nies, mistagħġba għall-aħħar, ġrew ilkoll flimkien lejhom ħdejn il-portiku li jgħidulu ta' Salamun.

12Pietru, kif rahom qalilhom: "Nies ta' Iżrael, x'intom tistagħġbu b'dan? Jew x'intom tħarsu lejna, qisna konna aħna li b'ħilitna jew bit-tjieba tagħna għamilna lil dan ir-raġel jimxi?

13Alla ta' Abraham, Alla ta' Iżakk, u Alla ta' Ġakobb, Alla ta' missirijietna gglorifika lill-qaddej tiegħu, Ġesù, li intom ittradejtuh u ċħadtuh quddiem Pilatu, għalkemm dan kien qatagħha li jitilqu.

14Intom ċħadtu l-Qaddis u l-Ġust, tlabtu l-ħelsien ta' wieħed qattiel

15u qtiltu lill-Awtur tal-ħajja. Imma Alla qajmu mill-imwiet, u ta' dan aħna xhieda.

16Kien bl-isem ta' Ġesù, u permezz tal-fidi f'dan l-isem, li dan ir-raġel, li intom tafuh u qegħdin tarawh, ħa saħħtu; hija l-fidi fih li tatu saħħtu għal kollox quddiemkom ilkoll.

17Issa, l-aħwa, jiena naf li kemm intom u kemm il-kapijiet tagħkom, għamiltu dan għaliex ma kontux tafu.

18Imma b'hekk Alla temm dak li hu kien ħabbar sa minn qabel b'fomm il-profeti, jiġifieri, li l-Messija tiegħu kellu jbati.

19Indmu, mela, u erġgħu lura minn dnubietkom biex jinħafrulkom.

20Hekk jiġu żminijiet ta' mistrieħ mingħand il-Mulej, u hu jibagħtilkom il-Messija li għażlilkom, li hu Ġesù, li għalissa

21għandu jibqa' fis-sema sa ma jseħħ it-tiġdid kollu li fl-imgħoddi semma Alla b'fomm il-profeti qaddisa tiegħu.

22Mosè wkoll qal, 'Il-Mulej Alla tagħna jqajmilkom profeta bħali minn fost ħutkom; lilu isimgħu f'kulma jgħidilkom.

23U jiġri li kull min ma jismax minn dan il-profeta jinqered minn qalb il-poplu.'

24U l-profeti kollha, ibda minn Samwel u dawk li ġew warajh, ilkoll tkellmu u ħabbru dawn il-jiem.


© 2020 Malta Bible Society.

25Intom ulied il-profeti u werrieta tal-Patt li Alla għamel ma' missirijietkom meta qal lil Abraham, 'F'nislek jitbierku l-ġnus kollha tal-art.'

26Kien għalikom l-ewwel li Alla qajjem il-Qaddej tiegħu u bagħtu jberikkom, billi kull wieħed minnkom jerġa' lura minn ħżunitu."

## Atti tal-Appostli 4

### Pietru u Ġwanni quddiem is-Sinedriju

1Waqt li Pietru u Ġwanni kienu għadhom qegħdin ikellmu lill-poplu, resqu fuqhom il-qassisin u l-kmandant tat-tempju u s-Sadduċej;

2għax ma felħux jisimgħuhom jgħallmu lill-poplu u, bl-istess qawmien ta' Ġesù, ixandru l-qawmien mill-imwiet.

3Għalhekk meddew idejhom fuqhom, u żammewhom fil-ħabs sal-għada, għax kien ġa sar filgħaxija.

4Imma ħafna minn dawk li kienu semgħu l-kelma emmnu, u l-għadd tagħhom kien jilħaq mal-ħamest elef ruħ.

5L-għada l-kapijiet tagħhom u x-xjuħ u l-kittieba ltaqgħu f'Ġerusalemm.

6Kien hemm Anna l-qassis il-kbir, Kajfa, Ġwanni, Alessandru, u dawk kollha li kienu mill-familja tal-qassisin il-kbar.

7Qiegħdu lill-appostli fin-nofs u staqsewhom: "Intom b'liema qawwa jew f'isem min għamiltuh dan?"

8Pietru, mimli bl-Ispirtu s-Santu, wieġeb: "Kapijiet tal-poplu u xjuħ,

9intom illum qegħdin tistħarrġuna fuq il-ġid li għamilna lil wieħed marid, u biex dan fieq.

10Mela kunu afu intom ilkoll, u l-poplu kollu ta' Iżrael: jekk dan ir-raġel hu hawn quddiemkom qawwi u sħiħ, dan ġara bis-saħħa tal-isem ta' Ġesù Kristu ta' Nazaret, li intom sallabtuh u Alla qajmu mill-imwiet.

11Din hi 'il-ġebla li intom, il-bennejja, warrabtu u li saret il-ġebla tax-xewka.'

12F'ħadd ħliefu ma hemm salvazzjoni, għax imkien taħt is-sema ma hemm isem ieħor mogħti lill-bnedmin li bih aħna għandna nkunu salvi."

13Meta l-kapijiet raw il-kuraġġ li bih Pietru u Ġwanni kienu tkellmu, baqgħu mistagħġba bihom, għax kienu jafu kemm dawn kienu nies sempliċi u bla tagħlim, u fehmu sewwa li kienu nies ta' madwar Ġesù;

14imma meta raw ir-raġel li kien imfejjaq, wieqaf hemm ħdejhom, ma kellhom ħila jwieġbu xejn.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

15Imbagħad ġagħluhom joħorġu barra mis-Sinedriju u qagħdu jitħaddtu
bejniethom.

16"X'se nagħmlu bihom dawn in-nies?" bdew jgħidu, "għax in-nies kollha ta'
Ġerusalemm jafu li dan il-miraklu sar permezz tagħhom; u dan aħna ma
nistgħux niċħduh.

17Imma, biex dan ma jixteridx aktar fost il-poplu, ejjew nhedduhom biex ma
jsemmu dan l-isem ma' ħadd iżjed."

18Għalhekk reġgħu sejħulhom, u ordnawlhom biex b'ebda mod ma jitkellmu
jew jgħallmu fl-isem ta' Ġesù.

19Imma Pietru u Ġwanni weġbuhom: "Għidulna intom jekk hux sewwa
quddiem Alla li aħna nisimgħu aktar minnkom milli minn Alla;

20għax aħna ma nistgħux ma nitkellmux fuq dak li rajna u smajna."

21Imbagħad reġgħu hedduhom u telquhom, għaliex minħabba l-poplu ma
għarfux kif jaqbdu jikkastigawhom, għax kulħadd kien qiegħed jagħti glorja lil
Alla għal dak li ġara.

22Ir-raġel li kien imfejjaq b'dan il-miraklu kellu iktar minn erbgħin sena.

**Id-dixxipli jitolbu għall-kuraġġ**

23Malli telquhom, l-appostli marru għand sħabhom u għarrfuhom b'dak kollu li
l-qassisin il-kbar u x-xjuħ kienu qalulhom.

24Meta semgħu dan, ilkoll flimkien għollew leħenhom lejn Alla u qalu: "O Sid,
int li għamilt is-sema, l-art, il-baħar, u kulma fihom;

25int li nebbaħt bl-Ispirtu s-Santu lil David missierna, qaddej tiegħek, u
b'fommu għedt, 'Għaliex ixxewxu l-ġnus u l-popli ngħaqdu konfoffa waħda
għalxejn?

26 Qamu s-slaten tal-art, u l-kbarat inġemgħu flimkien kontra l-Mulej u l-Messija
tiegħu .'

27Għax, tabilħaqq, f'din il-belt Erodi u Ponzju Pilatu ngħaqdu flimkien mal-
pagani u n-nies ta' Iżrael kontra l-qaddej qaddis tiegħek Ġesù, li int
ikkonsagrajt,

28biex jagħmlu dak kollu li, bil-qawwa u r-rieda tiegħek, iddestinajt minn qabel
li kellu jsir.

29Issa mela, Mulej, ħares lejn it-tehdid tagħhom, u agħmel li l-qaddejja tiegħek
ixandru kelmtek bil-kuraġġ kollu.

30U midd idek biex isiru fejqan u sinjali u mirakli permezz tal-isem tal-qaddej
qaddis tiegħek Ġesù."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

31Kif spiċċaw jitolbu, il-post fejn kienu miġbura theżżeż, u lkoll imtlew bl-
Ispirtu s-Santu u bdew ixandru l-kelma ta’ Alla bil-kuraġġ kollu.

### Kellhom kollox flimkien

32Il-kotra kbira ta’ dawk li emmnu kienu qalb waħda u ruħ waħda. Hadd
minnhom ma kien jgħid li l-ġid li kellu kien tiegħu, iżda kellhom kollox flimkien.

33B’qawwa kbira l-appostli kienu jagħtu xhieda tal-qawmien tal-Mulej Ġesù, u
kulħadd kien iġibhom ħafna.

34Hadd minnhom ma kien jonqsu xejn; għax kull min kellu oqsma jew djar kien
ibigħhom, u l-flus li jdaħħal minnhom

35kien imur iqegħedhom f’riġlejn l-appostli. Imbagħad kien jitqassam kollox
skont il-ħtieġa ta’ kull wieħed.

36Hekk għamel il-levita Ġużeppi, minn Ċipru, li l-appostli kienu jsejħulu
Barnaba, jiġifieri bin il-faraġ;

37dan kellu għalqa, biegħha, u l-flus li daħħal minnha mar iqegħedhom f’riġlejn
l-appostli.

## Atti tal-Appostli 5

### Ananija u Saffira

1Imma kien hemm raġel ieħor, jismu Ananija, u martu, li kien jisimha Saffira;
dan biegħ għalqa li kellu,

2ftiehem ma’ martu, u warrab sehem mill-prezz tal-għalqa, u l-bqija ħadha u
qegħedha f’riġlejn l-appostli.

3Imma Pietru qallu: “Ananija, dan kif ħallejt lix-Xitan jidħollok f’qalbek biex
gdibt lill-Ispirtu s-Santu u warrabt biċċa mill-prezz tal-għalqa?

4Mhux tiegħek kienet? U, wara li begħtha, mhux f’idejk kienu flusha? X’fettillek
iddaħħal f’rasek biex tagħmel dan? Mhux lill-bnedmin gdibt, imma lil Alla.”

5Malli Ananija sama’ dan il-kliem, waqa’ u miet. U biża’ kbir ħakem lil dawk
kollha li semgħu b’dan.

6Imbagħad ġew iż-żgħażagħ, keffnuh, ġarrewh u difnuh.

7Għaddew xi tliet sigħat, u ġiet ukoll martu, bla ma kienet taf x’ġara.

8Pietru staqsieha: “Għidli ftit: daqshekk begħtuha l-għalqa?” Hi wieġbet: “Iva,
daqshekk.”


© 2020 Malta Bible Society.

9Imma Pietru qalilha: "L-għala ftehemtu bejnietkom u ttantajtu l-Ispirtu tal-Mulej? Araw, riġlejn dawk li difnu lil żewġek waslu fuq l-għatba tal-bieb u se jġorru lilek ukoll."

10F'daqqa waħda dik waqgħet mejta f'riġlejh. Xħin daħlu ż-żgħażagħ sabuha mejta, ġarrewha u difnuha ħdejn żewġha.

11U waqa' biża' kbir fuq il-Knisja kollha u fuq kull min sama' b'dan.

### Sinjali u mirakli

12Bis-saħħa tal-appostli kienu jsiru ħafna sinjali u mirakli fost il-poplu. U huma lkoll qalb waħda kienu jinġabru flimkien fil-portiku ta' Salamun,

13u ħadd mill-oħrajn ma kien jissogra jissieħeb magħhom; imma kulħadd kien ifaħħarhom ħafna.

14L-għadd ta' dawk li kienu jemmnu fil-Mulej, kemm irġiel kemm nisa, kien dejjem jiżdied u joktor,

15hekk li kienu wkoll iġorru l-morda tagħhom fuq sodod u mtieraħ u jqegħduhom fil-pjazez biex, xħin jgħaddi Pietru, jaqa' mqar id-dell tiegħu fuq xi ħadd minnhom.

16In-nies kienu jiġu mill-ibliet ta' madwar Ġerusalemm, iġorru l-morda u lil dawk li kienu maħkuma mill-ispirti mniġġsa; u lkoll kienu jitfejqu.

### L-appostli ppersegwitati

17Imbagħad qam il-qassis il-kbir u sħabu kollha mill-partit tas-Sadduċej, u, mimlija bl-għira

18meddew idejhom fuqhom u xeħtuhom fil-ħabs pubbliku.

19Iżda billejl anġlu tal-Mulej fetaħ il-bibien tal-ħabs, ħariġhom barra u qalilhom:

20"Morru fit-tempju, u xandru lill-poplu kulma għandu x'jaqsam ma' din il-ħajja."

21Huma semgħu minnu, u filgħodu kmieni daħlu fit-tempju u bdew jgħallmu. Imbagħad ġie l-qassis il-kbir flimkien ma' sħabu, sejjaħ laqgħa tas-Sinedriju, il-Kunsill kollu tax-xjuħ ta' Iżrael, u bagħat iġib l-appostli mill-ħabs.

22Il-qaddejja marru, u ma sabuhomx fil-ħabs; u reġgħu lura bl-aħbar

23u qalulhom: "Il-ħabs sibnieh imsakkar tajjeb, u l-għassiesa kienu ħdejn il-bibien. Iżda xħin ftaħna, ma sibna lil ħadd hemm ġew."

24Għal din l-aħbar il-kmandant tat-tempju u l-qassisin il-kbar baqgħu mħassbin fuqhom u fuq x'sata' ġara.


© 2020 Malta Bible Society.

25Imbagħad ġie xi ħadd jgħidilhom: "Dawk li intom xħettu fil-ħabs qegħdin fit-
tempju jgħallmu 'l-poplu."

26Il-kmandant tat-tempju mar għalihom mal-qaddejja u ġiebhom miegħu, iżda
mhux bil-forza, għax kienu jibżgħu li l-poplu jħaġġarhom.

27Daħħluhom u ressquhom quddiem is-Sinedriju. U l-qassis il-kbir

28qalilhom: "Aħna għednielkom fuq li għednielkom biex ma tgħallmux fuq dan
l-isem. U araw, issa mlejtu 'l Ġerusalemm bit-tagħlim tagħkom, u tridu titfgħu
fuqna l-ħtija ta' demm dan il-bniedem!"

29Iżda Pietru, flimkien mal-appostli, wieġeb u qal: "Jeħtieġ nobdu aktar lil Alla
milli l-bnedmin.

30Alla ta' missirijietna qajjem lil Ġesù li intom qtiltuh billi dendiltuh ma' għuda.

31Alla għollieh bil-leminija tiegħu u għamlu kap u salvatur, biex jagħti lil Iżrael
l-indiema u l-maħfra tad-dnubiet.

32U ta' dan kollu hawn xhieda aħna flimkien mal-Ispirtu s-Santu li Alla ta lil
dawk li jobduh."

33Xħin semgħu dan saħnu ħafna u waħħluha f'rashom li joqtluhom.

34Imma wieħed Fariżew, jismu Gamaljel, mgħallem fil-Liġi u miġjub mill-poplu
kollu, qam fis-Sinedriju u ordna li joħorġuhom 'il barra għal ftit.

35Imbagħad qal lil sħabu: "Irġiel ta' Iżrael, ifttħu għajnejkom x'sejrin tagħmlu lil
dawn in-nies.

36Ftit żmien ilu qam Tewda u beda jgħid li hu xi ħaġa; u madwar erba' mitt raġel
qablu miegħu. Dan qatluh, u dawk kollha li kienu marru warajh tferrxu u ġew
fix-xejn.

37Warajh ġie Ġuda l-Galilew, fi żmien iċ-ċensiment, u ġibed poplu sħiħ warajh.
Lil dan ukoll qatluh, u xterdu dawk kollha li kienu marru warajh.

38Fuq dan li ġara issa, ngħidilkom: ħallukom minn dawn in-nies u itilquhom.
Għax dan il-ħsieb jew ħidma tagħhom, jekk hi ġejja mill-bnedmin, għad tisfa fix-
xejn;

39iżda jekk hi ġejja minn Alla, ma jseħħilkomx teqirduhom. Araw li ma ssibux
ruħkom li qegħdin teħduha kontra Alla!" Imbagħad qagħdu fuq il-parir tiegħu.

40Sejħu lill-appostli quddiemhom, u, wara li tawhom is-swat, ordnawlhom li ma
jitkellmux fuq l-isem ta' Ġesù; imbagħad telquhom.

41Iżda huma ħarġu minn quddiem is-Sinedriju ferħana talli ġew meqjusa bħala
nies li jistħoqqilhom li jkunu mmaqdra minħabba l-isem ta' Ġesù.


© 2020 Malta Bible Society.

42U kuljum, fit-tempju u fi djarhom, kienu jgħallmu u jxandru bla waqfien li
Ġesù hu l-Messija.

## Atti tal-Appostli 6

### L-għażla tas-seba' djakni

1F'dawk il-jiem l-għadd tad-dixxipli kien qiegħed jiżdied; għalhekk sar xi
tgergir mil-Lhud Griegi kontra l-Lhud, għax dehrilhom li ma kienx hemm min
jieħu ħsieb ir-romol tagħhom fil-ministeru ta' kuljum.

2Għalhekk it-Tnax sejħu l-ġemgħa tad-dixxipli u qalulhom: "Mhux sewwa li
aħna nħallu l-kelma ta' Alla biex naqdu fl-imwejjed.

3Mela, l-aħwa, ħudu ħsieb u agħżlu minn fostkom sebat irġiel li għandhom isem
tajjeb u li huma mimlijin bl-Ispirtu u bl-għerf, u nħallu din il-ħidma f'idejhom.

4U aħna nagħtu ruħna għat-talb u għall-ministeru tal-kelma."

5Dan il-kliem għoġob lill-ġemgħa kollha; u għażlu lil Stiefnu, bniedem mimli bil-
fidi u bl-Ispirtu s-Santu, lil Filippu, lil Prokoru, lil Nikanor, lil Timon, lil
Parmena, u lil Nikola, prosèlita minn Antijokja.

6Lil dawn ressquhom quddiem l-appostli, li talbu u qiegħdu idejhom fuqhom.

7U l-kelma ta' Alla kienet tixtered dejjem aktar; l-għadd tad-dixxipli kien jiżdied
ħafna f'Ġerusalemm, u kotra kbira ta' qassisin kienu joqogħdu għall-fidi.

### Stiefnu arrestat

8Stiefnu, kollu grazzja u qawwa, kien jagħmel mirakli u sinjali kbar fost il-poplu.

9Imbagħad qamu xi wħud minn tas-Sinagoga li jgħidulha tal-Meħlusin, taċ-
Ċirinej, tal-Lixandrin, u ta' oħrajn miċ-Ċiliċja u mill-Asja, u bdew jeħduha ma'
Stiefnu;

10imma ma kellhomx ħila jiqfulu għall-għerf u għall-Ispirtu li bih kien jitkellem.

11Imbagħad xewxu xi nies biex jgħidu: "Aħna smajnieh jidgħi b'Mosè u b'Alla."

12Qanqlu wkoll il-poplu u x-xjuħ u l-kittieba, li ġew għal fuqu, qabduh u ħaduh
quddiem is-Sinedriju.

13U ġiebu xhieda foloz biex jgħidu: "Dan ir-raġel qatt ma jieqaf jitkellem kontra
dan it-tempju mqaddes u kontra l-Liġi;

14smajnieh jgħid li dan Ġesù ta' Nazaret għad iħott dan it-tempju u jbiddel id-
drawwiet li tana Mosè."

15Dawk kollha li kienu bilqiegħda fis-Sinedriju sammru għajnejhom fuqu, u
rawlu wiċċu qisu wiċċ ta' anġlu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

# Atti tal-Appostli 7

### Id-difiża ta' Stiefnu

1Imbagħad il-qassis il-kbir qallu: "Minnu dan?"

2Stiefnu wieġeb: " L-aħwa u missirijieti, isimgħuni. Alla tal-glorja deher lil Abraham missierna, meta dan kien fil-Mesopotamja qabel ma mar joqgħod Haran,

3u qallu, 'Oħroġ minn artek u minn fost niesek u mur fl-art li se nurik jien.'

4Imbagħad ħareġ mill-art tal-Kaldin u mar joqgħod f'Haran. Minn hemm, wara li miet missieru, Alla ġiebu f'din l-art li fiha issa qed toqogħdu intom.

5Hu ma tah xejn minnha għalih, anqas daqs sieq, imma wiegħdu li jagħtihielu biex tkun tiegħu, u ta' nislu warajh, għalkemm kien għad ma kellu ebda iben.

6Alla qallu hekk għax nislu kellu jmur jgħix f'art barranija, li fiha kellhom ikunu mjassra u maħqura għal erba' mitt sena.

7Iżda Alla qallu, 'Imma jien nagħmel ħaqq mill-poplu li jagħmilhom ilsiera tiegħu; imbagħad huma joħorġu u jagħtuni qima f'dan il-post.'

8U għamel miegħu wkoll il-patt taċ-ċirkonċiżjoni. Hekk Abraham nissel lil Iżakk, u fit-tmien jum wara t-twelid għamillu ċ-ċirkonċiżjoni; l-istess għamel Iżakk lil Ġakobb, u Ġakobb lit-tnax-il patrijarka.

9"Il-patrijarki ġiethom l-għira għal Ġużeppi, u bigħuh bi lsir għall-Eġittu. Imma Alla kien miegħu;

10ħelsu mit-taħbit kollu tiegħu u mlieh bl-għerf quddiem il-Fargħun, is-sultan tal-Eġittu, u għamel li dan jieħu tant grazzja miegħu li għamlu gvernatur fuq l-Eġittu u fuq daru kollha.

11Imbagħad waqa' l-ġuħ fuq l-art kollha tal-Eġittu u ta' Kangħan li ġieb miegħu tbatija kbira, u missirijietna ma sabux x'jieklu.

12Meta Ġakobb sama' li kien hemm il-qamħ fl-Eġittu, bagħat hemm lil missirijietna, u marru għall-ewwel darba;

13fit-tieni darba Ġużeppi għarraf lil ħutu min kien, u l-Fargħun sar jaf lil nies Ġużeppi.

14Imbagħad Ġużeppi bagħat iġib lil Ġakobb missieru u lil qrabatu kollha, li kienu b'kollox ħamsa u sebgħin ruħ.

15Hekk Ġakobb niżel l-Eġittu, fejn miet, hu u missirijietna.

16L-iġsma tagħhom ħaduhom Sikem u difnuhom fil-qabar li Abraham kien xtara mingħand ulied Hamor f'Sikem u ħallashom bi flus tal-fidda.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

17“Meta kien qiegħed joqrob iż-żmien biex isseħħ il-wegħda li Alla kien għamel
lil Abraham, il-poplu żdied u kiber fl-Eġittu,

18sakemm laħaq fl-Eġittu sultan ieħor, li ma kienx jaf b’Ġużeppi.

19Dan mexa bil-ħażen ta’ moħħu mal-ġens tagħna u ħaqar lil missirijietna, u sa
ġegħelhom jarmu t-trabi tagħhom biex ma jgħixux aktar.

20F’dak iż-żmien twieled Mosè, tarbija sabiħa ħafna, u għal tliet xhur rabbewh
f’dar missieru.

21Meta mbagħad kien mitluq barra mid-dar, ħaditu bint il-Fargħun u rabbietu
bħal binha.

22U Mosè trawwem fl-għerf kollu tal-Eġizzjani u sar qawwi fi kliemu u għemilu.

23“Imbagħad, meta kellu erbgħin sena, ġieħ il-ħsieb li jżur lil ħutu, ulied Iżrael.

24Hemm ra raġel Eġizzjan jaħqar lil wieħed minnhom u qabeż għalih billi tħallas
minn dak li kien qiegħed jaħqru, u qatlu.

25Mosè ħaseb li ħutu fehmu li Alla kien se jeħlishom permezz tiegħu; iżda huma
ma kienu fehmu xejn.

26L-għada raġa’ mar quddiemhom, u ra tnejn minnhom jiġġieldu, u, biex
jagħmilhom paċi, qalilhom, ‘Irġiel, intom aħwa; għaliex tagħmlu l-ħsara lil
xulxin?’

27Imma dak li kien qiegħed jaħqar lil sieħbu warrbu u qallu, ‘Min għamlek kap
u mħallef fuqna?

28Jaqaw trid toqtolni bħalma lbieraħ qtilt lil dak l-Eġizzjan?

29Malli sama’ dan il-kliem Mosè ħarab u mar jgħix bħala barrani fl-art ta’
Midjan, fejn kellu żewġt itfal.

30“Meta kienu għaddew erbgħin sena, kif darba kien fid-deżert tal-muntanja
Sinaj, deherlu anġlu f’ħuġġieġa nar qalb l-għollieq.

31Mosè stagħġeb b’din id-dehra li kellu; imma kif resaq fil-qrib biex jara sewwa,
sama’ leħen il-Mulej jgħidlu,

32‘Jiena Alla ta’ missirijietek, Alla ta’ Abraham, ta’ Iżakk u ta’ Ġakobb.’ Mosè
triegħed bil-biża’ u ma ssugrax iħares.

33Qallu mbagħad il-Mulej, ‘Neħħi l-qorq minn saqajk, għax il-post fejn qiegħed
int hu art qaddisa.

34Jien stess rajt b’għajnejja t-tbatija tal-poplu tiegħi fl-Eġittu, u smajt l-ilfiq
tagħhom; għalhekk ġejt biex neħlishom. Ejja, mela, ħa nibagħtek lejn l-Eġittu.’


© 2020 Malta Bible Society.

35 Dan hu l-istess Mosè li huma kienu ċaħdu meta qalulu, ‘Min għamlek kap u mħallef?’ Lilu Alla bagħat bħala kap u feddej meta deherlu permezz tal-anġlu li kien deherlu fl-għollieq.

36 Kien hu li ħariġhom ’il barra b’mirakli u sinjali li għamel fl-art tal-Eġittu, fil-Baħar l-Aħmar u fid-deżert għal erbgħin sena.

37 Dan hu Mosè li qal lil ulied Iżrael, ‘Alla għad iqajmilkom profeta bħali minn fost ħutkom.’

38 Dan hu li kien mal-ġemgħa fid-deżert, mal-anġlu li kien kellmu fuq il-muntanja Sinaj, u ma’ missirijietna; hu, li rċieva kliem il-ħajja biex tah lilna.

39 Imma missirijietna ma ridux jisimgħu minnu, anzi warrbuh, u b’qalbhom reġgħu daru lejn l-Eġittu

40 meta qalu lil Aron, ‘Agħmlilna allat, biex jimxu huma quddiemna, għax aħna ma nafux x’sar minnu dan Mosè li ħariġna mill-art tal-Eġittu!’

41 Dak inhar għamlu għoġol u offrew sagrifiċċju lill-idolu; u ferħu b’dak li kienu għamlu b’idejhom.

42 Għalhekk Alla tbiegħed minnhom u rħielhom jaduraw lill-kwiekeb tas-sema, kif hemm miktub fi ktieb il-profeti, ‘Qatt offrejtuli vittmi u sagrifiċċji f’dawn l-erbgħin sena fid-deżert, dar Iżrael?

43 Intom erfajtu t-tinda ta’ Molok u l-kewkba ta’ Refan, alla tagħkom, ix-xbihat li intom għamiltu biex tqimuhom. U jien neżiljakom ’l hemm minn Babilonja.’

44 “It-tinda tax-Xhieda kienet hemm fid-deżert ma’ missirijietna, it-tinda li Alla kien ordna lil Mosè u qallu biex jagħmilha fuq il-mudell li kien urieh.

45 Missirijietna, li rċevewha mingħand ta’ qabilhom, daħħluha magħhom, huma u Ġożwè, meta ħadu taħt idejhom l-art tal-ġnus li Alla keċċa ’l barra minn quddiemhom. Hemm baqgħet sa żmien David.

46 David, li sab grazzja quddiem Alla, talab li jkun jista’ jsib fejn jibni dar għal Alla ta’ Ġakobb.

47 Imma kien Salamun li bnihielu d-dar.

48 Madankollu Alla l-Għoli ma jgħammarx fi djar maħduma bl-idejn, kif jgħid il-profeta,

49 ‘Is-sema hu t-tron tiegħi, u l-art il-mirfes għal riġlejja. X’dar tistgħu tibnuli, jgħid il-Mulej, jew fejn hu l-post tal-mistrieħ tiegħi?

50 Mhux b’idejja sar dan kollu?’

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

51“Ja nies ta’ ras iebsa, intom għalaqtu qalbkom u saddejtu widnejkom, u dejjem waqaftulu lill-Ispirtu s-Santu. Kif għamlu missirijietkom, qegħdin tagħmlu intom ukoll.

52Lil min mill-profeti ma ppersegwitawx missirijietkom? Huma qatlu lil dawk li ħabbru minn qabel il-miġja ta’ dak il-Ġust li issa intom stess ittradejtuh u qtiltuh,

53intom, li rċevejtu l-Liġi minn idejn l-anġli, u ma ħaristuhiex.”

### Stiefnu mħaġġar

54Meta semgħu dan, ħassew kliemu jinfdilhom qalbhom u bdew jgħażżu snienhom kontra tiegħu.

55Imma hu, mimli bl-Ispirtu s-Santu u b’għajnejh fis-sema, ra l-glorja ta’ Alla u lil Ġesù qiegħed fuq il-lemin ta’ Alla.

56U qal: “Ara, qiegħed nara s-sema miftuħ u lil Bin il-bniedem fil-lemin ta’ Alla.”

57U huma nfexxew jgħajtu kemm jifilħu u jsoddu widnejhom. Imbagħad intefgħu fuqu lkoll f’daqqa,

58kaxkruh ’il barra mill-belt u qabdu jħaġġruh. Ix-xhieda qiegħdu ħwejjiġhom f’riġlejn żagħżugħ jismu Sawl.

59Lil Stiefnu qabdu jħaġġruh huwa u jitlob u jgħid: “Mulej Ġesù, ilqa’ r-ruħ tiegħi.”

60Imbagħad niżel għarkubbtejh u għajjat b’leħen għoli: “Mulej, tgħoddhulhomx dan id-dnub.” U kif qal hekk, miet.

## Atti tal-Appostli 8

1Sawl kien fehma waħda magħhom fil-mewt li tawh.

### Sawl jippersegwita l-Knisja

Dak iż-żmien qamet persekuzzjoni kbira kontra l-Knisja f’Ġerusalemm. Barra mill-appostli kulħadd xtered fl-artijiet tal-Lhudija u tas-Samarija.

2Xi rġiel twajba difnu lil Stiefnu, u bkewh ħafna.

3Sadattant Sawl kien qiegħed jagħmel ħerba mill-Knisja; kien jidħol minn dar għal oħra, jaqbad irġiel u nisa u jitfagħhom il-ħabs.

### Predikazzjoni fis-Samarija

4Imma dawk li xterdu bdew ixandru l-kelma kull fejn marru.

5Filippu niżel f’belt tas-Samarija u xandar lil Kristu lin-nies tagħha.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[6]Il-folol tan-nies b'fehma waħda kienu joqogħdu attenti għal dak li kien jgħidilhom Filippu, meta kienu jisimgħuh u jaraw il-mirakli li kien jagħmel.

[7]Kien hemm nies maħkuma mill-ispirti ħżiena, u dawn b'għajjat kbir kienu joħorġu minn ħafna minnhom; u ħafna nies oħrajn, mifluġa jew zopop, kienu jitfejqu.

[8]U kien hemm ferħ kbir f'dik il-belt.

[9]Fil-belt kien hemm raġel jismu Xmun. Dan kien ilu jagħmel is-sħarijiet u jġennen lin-nies tas-Samarija u jgħidilhom li hu xi ħaġa kbira.

[10]Ilkoll, mill-kbar saż-żgħar, kienu jisimgħuh bil-ħerqa, għax kienu jgħidu: "Dan il-bniedem hu l-Qawwa ta' Alla, li jgħidulha l-Qawwa l-Kbira!"

[11]Kienu jisimgħuh għax kien ilu ħafna jġenninhom bis-sħarijiet tiegħu.

[12]Meta mbagħad emmnu l-Bxara t-tajba li Filippu kien ixandrilhom fuq is-Saltna ta' Alla u fuq l-isem ta' Ġesù Kristu, tgħammdu, kemm l-irġiel u kemm in-nisa.

[13]Xmun ukoll emmen u tgħammed, u kien dejjem maġenb Filippu, u kien jibqa' miblugħ meta kien jara s-sinjali u l-mirakli kbar li kienu jsiru.

[14]L-appostli, li kienu Ġerusalemm, semgħu li s-Samarija laqgħet il-kelma ta' Alla, u bagħtu hemm lil Pietru u 'l Ġwanni.

[15]Dawn niżlu hemm u talbu biex dawk li emmnu jirċievu l-Ispirtu s-Santu;

[16]għax l-Ispirtu s-Santu kien għadu ma niżel fuq ħadd minnhom, imma kienu tgħammdu biss f'isem il-Mulej Ġesù.

[17]Imbagħad l-appostli qiegħdu idejhom fuqhom, u huma rċevew l-Ispirtu s-Santu.

[18]Meta Xmun ra li bit-tqegħid tal-idejn tal-appostli kienu jirċievu l-Ispirtu s-Santu, huwa offra l-flus lill-appostli

[19]u qalilhom: "Agħtu din is-setgħa lili wkoll, biex kull min inqiegħed idejja fuqu jirċievi l-Ispirtu s-Santu."

[20]Imma Pietru wieġbu: "Alla jeqred flusek u lilek magħhom, ladarba ħsibt li bi flusek tista' tixtri d-don tiegħu!

[21]Int ma għandekx x'taqsam f'din il-ħaġa, ma għandek ebda jedd għaliha; qalbek mhijiex sinċiera quddiem Alla!

[22]Indem minn dan il-ħażen tiegħek, u itlob lill-Mulej biex forsi jaħfirlek dan il-ħsieb tiegħek;

[23]għax, milli qiegħed nara, int qalbek mimlija mrar, u l-ħażen ijassrek."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

24Imbagħad Xmun wieġbu: "Itolbu intom għalija lill-Mulej, ħalli ma jiġrili xejn minn dan li intom għedtu."

25Pietru u Ġwanni, wara li taw ix-xhieda tagħhom u xandru l-kelma tal-Mulej, reġgħu lura Ġerusalemm. Huma u sejrin, xandru l-Bxara t-tajba lil ħafna rħula Samaritani.

### Filippu u l-uffiċjal mill-Etjopja

26Anġlu tal-Mulej qal lil Filippu: "Qum, mur u aqbad it-triq li tieħu lejn in-Nofsinhar minn Ġerusalemm għal Gaża." Din hi fid-deżert.

27Filippu qam u telaq. Huwa u sejjer, jara raġel mill-Etjopja, ewnuku, uffiċjal għoli ta' Kandaċi, sultana tal-Etjopja, li kien jieħu ħsieb it-teżori kollha tagħha. Dan kien ġie Ġerusalemm biex jagħti qima lil Alla.

28Huwa u sejjer lura, kif kien bilqiegħda fuq il-karru tiegħu, kien qiegħed jaqra l-ktieb tal-profeta Isaija.

29Imbagħad l-Ispirtu qal lil Filippu: "Mur ersaq maġenb il-karru."

30Filippu mar jgħaġġel lejn ir-raġel. Kif semgħu jaqra l-ktieb tal-profeta Isaija staqsieh: "Dan li qed taqra qiegħed tifhmu?"

31Dak wieġbu: "Kif nista' nifhem jekk xi ħadd ma jurinix?" Imbagħad stieden lil Filippu biex jitla' bilqiegħda ħdejh.

32Is-silta tal-Iskrittura li kien qiegħed jaqra kienet din: 'Bħal nagħġa meħuda għall-qatla, u bħal ħaruf sieket quddiem min iġiżżu, hekk hu ma fetaħx fommu.

33 Għakksuh u kien imċaħħad mill-ġustizzja. Min qatt jista' jirrakkonta fuq nislu? Għax neħħewlu ħajtu minn fuq l-art.'

34Mela qal l-ewnuku lil Filippu: "Għidli, nitolbok, għal min qiegħed jgħid dan il-profeta? Għalih innifsu jew għal xi ħadd ieħor?"

35Imbagħad Filippu fetaħ fommu u beda minn din is-silta tal-Iskrittura jxandarlu l-Evanġelju ta' Ġesù.

36Huma u sejrin għal għonq it-triq, waslu f'post fejn kien hemm l-ilma. U l-ewnuku qal: "Ara, hawn l-ilma! X'qiegħed iżommni li ma nitgħammidx?"

38Imbagħad ordna li jwaqqfu l-karru, niżlu t-tnejn fl-ilma, hu u Filippu, u dan għammdu.

39Malli telgħu mill-ilma, l-Ispirtu tal-Mulej ħataf lil Filippu; l-ewnuku ma rahx iktar u baqa' sejjer fi triqtu kollu ferħan.

40Filippu sab ruħu f'Ażotu; huwa u għaddej minn dawk l-inħawi, kien ixandar l-Evanġelju f'kull belt sakemm wasal Ċesarija.


© 2020 Malta Bible Society.

# Atti tal-Appostli 9

### Il-konverżjoni ta' Sawl

(Atti 22,6-16; 26,12-18)

1Sawl, li kien għadu bil-qawwa kollha jhedded bil-mewt lid-dixxipli tal-Mulej,
mar għand il-qassis il-kbir

2u talbu jagħtih ittri għas-sinagogi ta' Damasku, biex ikun jista' jaqbad l-irġiel u
n-nisa kollha li jsib miexja fit-Triq tal-Mulej u jeħodhom marbuta Ġerusalemm.

3Huwa u sejjer, kif qorob lejn Damasku, f'daqqa waħda idda madwaru dawl
mis-sema.

4Waqa' fl-art, u sama' leħen jgħidlu: "Sawl, Sawl, għaliex qiegħed
tippersegwitani?"

5Hu wieġeb: "Min int, Mulej?" u l-leħen wieġbu: "Jiena Ġesù, li int qiegħed
tippersegwitah.

6Imma issa qum u idħol il-belt, u hemmhekk jgħidulek x'għandek tagħmel."

7Dawk li kienu sejrin miegħu baqgħu mbikkma, billi kienu semgħu l-leħen
imma ma raw lil ħadd.

8Sawl qam mill-art, fetaħ għajnejh u ma sata' jara xejn. Imbagħad mexxewh
minn idu u wassluh Damasku.

9Dam tlitt ijiem ma jarax, u la kiel u lanqas xorob.

10F'Damasku kien hemm dixxiplu, jismu Ħananija. Deherlu l-Mulej u qallu:
"Ħananija!" "Hawn jien, Mulej," wieġeb.

11U l-Mulej qallu: "Qum u mur fit-triq li jgħidulha d-Dritta, u hemm, fid-dar ta'
Ġuda, staqsi għal wieħed minn Tarsu, jismu Sawl. Dan qiegħed jitlob,

12u ra f'dehra wieħed, jismu Ħananija, dieħel ħdejh u jqegħedlu idejh fuqu biex
jerġa' jieħu d-dawl."

13Ħananija wieġeb: "Mulej, jien smajt mingħand ħafna fuq dan ir-raġel, kemm
għamel ħsara lill-qaddisin tiegħek f'Ġerusalemm.

14U issa qiegħed hawn bis-setgħa mingħand il-qassisin il-kbar biex jarresta lil
dawk kollha li jsejħu ismek."

15Iżda l-Mulej wieġbu: "Mur, għax dan ir-raġel hu għodda magħżula minni biex
iwassal ismi quddiem il-ġnus u s-slaten u quddiem ulied Iżrael.

16Jien stess għad nurih kemm irid ibati minħabba f'ismi."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

17Hananija telaq lejn id-dar ta' Ġuda, daħal, qiegħed idejh fuq Sawl u qallu: "Sawl, ħija, il-Mulej Ġesù, li deherlek fit-triq inti u ġej hawn, bagħatni biex terġa' tieħu d-dawl u timtela bl-Ispirtu s-Santu."

18F'daqqa waħda waqa' bħal qxur minn għajnejh u raġa' beda jara. Imbagħad qam u tgħammed,

19kiel xi ħaġa, u ħa r-ruħ.

### Sawl jippriedka f'Damasku

Għal ftit jiem qagħad mad-dixxipli f'Damasku.

20U malajr beda jxandar lil Ġesù fis-sinagogi u jgħid li dan hu l-Iben ta' Alla.

21Kull min kien jisimgħu kien jistagħġeb u jgħid: "Dan mhuwiex dak li f'Ġerusalemm kien iħarbat lil dawk li jsejħu dan l-isem? U mhux għalhekk ġie hawn? M'hux biex jaqbadhom u jeħodhom marbuta għand il-qassisin il-kbar?"

22Imma Sawl kulma jmur kien jissaħħaħ u kien iħawwad lil-Lhud li kienu joqogħdu Damasku bil-provi li kien iġibilhom li Ġesù hu l-Messija.

### Sawl jaħrab mil-Lhud

23Wara li għadda ħafna żmien, il-Lhud ftiehmu li joqtlu lil Sawl;

24imma hu sar jaf bil-ħsieb tagħhom. Huma kienu jgħassu lejl u nhar mal-bibien tal-belt biex joqtluh.

25Imma darba billejl id-dixxipli tiegħu qabduh u niżżluh ġo qoffa mas-sur tal-belt.

### Sawl f'Ġerusalemm

26Meta wasal Ġerusalemm beda jfittex li jissieħeb mad-dixxipli. Imma lkoll kienu jibżgħu minnu, għax ma kinux emmnu li tassew ikkonverta.

27Imbagħad Barnaba qabdu u ħadu miegħu għand l-appostli. Hu qalilhom kif Sawl kien ra lill-Mulej fit-triq u semgħu jkellmu, u kif f'Damasku kien tkellem b'wiċċu minn quddiem fl-isem ta' Ġesù.

28Għalhekk Sawl baqa' magħhom, dieħel u ħiereġ Ġerusalemm, u kien jitkellem bil-miftuħ f'isem il-Mulej.

29Kien jitħaddet mal-Lhud Griegi u jiddiskuti magħhom; iżda huma kienu jfittxu li joqtluh.

30Meta l-aħwa saru jafu b'dan, niżżluh lejn Ċesarija u bagħtuh Tarsu.

31Il-Knisja kienet fis-sliem fil-Lhudija u l-Galilija u s-Samarija kollha; kienet dejjem tikber u timxi 'l quddiem bil-biża' tal-Mulej, u tiżdied fl-għadd bl-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu.

### Il-fejqan ta' Enea

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

32Ġara li Pietru, huwa u jdur dawk l-inħawi kollha, niżel wkoll għand il-qaddisin li kienu joqogħdu Lidda.

33Hemmhekk sab raġel mifluġ, jismu Enea, li kien ilu tmien snin mixħut fis-sodda.

34Pietru qallu: "Enea, Ġesù Kristu jfejqek; qum u ifrex is-sodda inti stess." U dak minnufih qam.

35In-nies kollha li kienu joqogħdu f'Lidda u f'Saron rawh, u daru lejn il-Mulej.

### Il-qawmien ta' Tabita mill-mewt

36F'Ġaffa kien hemm waħda mid-dixxipli jisimha Tabita, isem li jfisser Għażżiela; kienet mara tagħmel ħafna opri ta' karità u għemejjel tajba.

37Ħabat li f'dawk il-ġranet mardet u mietet; keffnuha, u qegħduha fil-kamra ta' fuq.

38Billi Lidda tiġi qrib Ġaffa, id-dixxipli, meta semgħu li Pietru kien hemm, bagħtulu żewġt irġiel jitolbuh u jgħidulu: "Iddumx ma tiġi sa għandna."

39Minnufih Pietru qam u telaq magħhom. Kif wasal, tellgħuh fil-kamra ta' fuq, u r-romol kollha daru miegħu, jibku u juruh l-ilbiesi u l-imnatar li kienet għamlitilhom Tabita meta kienet għadha magħhom.

40Pietru bagħat lil kulħadd 'il barra u niżel għarkubbtejh jitlob. Imbagħad dar lejn il-katavru u qal: "Tabita, qum!" Hi fetħet għajnejha u, malli rat lil Pietru, qamet bilqiegħda.

41Pietru taha idu u qajjimha. Sejjaħ imbagħad lill-qaddisin u r-romol, u tahielhom ħajja.

42Ġaffa kollha saret taf b'dan, u ħafna emmnu fil-Mulej.

43Pietru baqa' ftit jiem sewwa f'Ġaffa għand wieħed konzatur jismu Xmun.

## Atti tal-Appostli 10

### Pietru u Kornelju

1F'Ċesarija kien hemm wieħed jismu Kornelju, ċenturjun tar-riġment imsejjaħ 'ir-Riġment Taljan'.

2Dan ir-raġel, flimkien mal-familja tiegħu kollha, kien bniedem sewwa u kellu l-biża' ta' Alla; kien jagħmel ħafna opri ta' karità mal-poplu u kien dejjem jitlob lil Alla.

3Darba waħda, f'xi t-tlieta ta' wara nofsinhar, kellu dehra li fiha ra b'mod ċar anġlu ta' Alla dieħel ħdejh u jsejjaħlu: "Kornelju!"

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

4Hu ċċassa jħares lejh kollu biża', u qal: "Dan x'inhu, Sinjur?" L-anġlu qallu: "It-talb tiegħek u l-opri tiegħek ta' karità telgħu quddiem Alla u ftakar fik.

5Mela issa ibgħat xi rġiel f'Ġaffa, biex iġibu minn hemm lil wieħed Xmun, li jgħidulu wkoll Pietru.

6Dan qiegħed għand ċertu Xmun, konzatur, li għandu d-dar ħdejn il-baħar."

7X'ħin l-anġlu li kien ikellmu telaq, Kornelju sejjaħ tnejn mill-qaddejja tiegħu u suldat twajjeb minn dawk li kellu dejjem madwaru,

8qalilhom kulma kien ġralu u bagħathom lejn Ġaffa.

9L-għada, waqt li dawn kienu fit-triq u qorbu lejn il-belt, Pietru għall-ħabta ta' nofsinhar tala' jitlob fuq il-bejt.

10Qabdu l-ġuħ u xtaq jitrejjaq b'xi ħaġa; u ġara li, waqt li kienu qegħdin iħejjulu, daħal f'estasi.

11Lemaħ is-sema jinfetaħ, u ra xi ħaġa qisha liżar kbir, miżmum mill-erbat itruf u nieżel lejn l-art.

12Fih kien hemm minn kull xorta ta' bhejjem ta' erba' saqajn, annimali li jitkaxkru fuq l-art u għasafar tal-ajru.

13U sema' leħen jgħidlu: "Qum, Pietru, oqtol u kul."

14Imma Pietru wieġeb: "Ma jkun qatt, Mulej! Jien qatt ma kilt ikel profan u mniġġes."

15U l-leħen tennielu għal darb'oħra: "Dak li Alla saffa, int ma għandekx issejjaħlu mniġġes."

16Dan ġara għal tliet darbiet. Imbagħad, f'daqqa waħda, dik il-ħaġa qisha liżar reġgħet ittieħdet 'il fuq lejn is-sema.

17Pietru, kollu mħawwad, kien qiegħed jaħseb bejnu u bejn ruħu x'setgħet tfisser dik id-dehra li kellu; fl-istess ħin l-irġiel li kien bagħat Kornelju staqsew għad-dar ta' Xmun u waslu quddiem il-bieb.

18Imbagħad sejħu lil xi ħadd u staqsew jekk Xmun, li jgħidulu Pietru, kienx qiegħed hemm.

19Sadattant Pietru kien għadu mħasseb dwar dik id-dehra. U qallu l-Ispirtu: "Hawn żewġt irġiel qegħdin jistaqsu għalik.

20Fittex inżel isfel u mur magħhom, tieħu ħsieb ta' xejn, għax jien hu li bgħatthom."

21Pietru niżel ħdejn dawk l-irġiel u qalilhom: "Jien hu dak li qegħdin tfittxu. X'ġiebkom hawn?"


© 2020 Malta Bible Society.

22Huma qalulu: "Bagħatna Kornelju, iċ-ċenturjun, raġel sewwa li għandu l-biża'
ta' Alla u jixhed għalih il-poplu Lhudi kollu. Anġlu qaddis qallu biex jibgħat
għalik u tmur għandu ħalli jisma' x'għandek tgħidlu."

23Imbagħad Pietru stedinhom jibqgħu hemm. L-għada qam u telaq magħhom,
u marru wkoll miegħu xi wħud mill-aħwa ta' Ġaffa.

24Il-jum ta' wara waslu Ċesarija. Kornelju laqqa' flimkien lil niesu u 'l ħbiebu u
kien qiegħed jistenniehom.

25Xħin daħal Pietru, Kornelju mar jilqgħu u ntefa' f'riġlejh jagħtih qima.

26Imma Pietru qajmu u qallu: "Qum. Jien bniedem ukoll."

27Huwa u jitkellem miegħu, baqa' dieħel ġewwa, u hemm sab ħafna nies
miġbura flimkien.

28U qalilhom: "Intom tafu li mhijiex ħaġa sewwa għal wieħed Lhudi li jissieħeb
ma' wieħed barrani jew li jersaq lejh. Imma lili Alla wrieni li ebda bniedem ma
għandi nsejjaħlu profan jew imniġġes.

29Għalhekk xejn ma sibtha bi tqila biex niġi hawn meta bagħat għalija. Issa,
nistaqsi jien, għalfejn bgħatt għalija?"

30U Kornelju wieġbu: "Erbat ijiem ilu, bħal dan il-ħin, kont id-dar ngħid it-talba
tat-tlieta ta' wara nofsinhar. F'daqqa waħda rajt raġel bi lbies ilellex wieqaf
ħdejja,

31u qalli, 'Kornelju, Alla sama' t-talb tiegħek u laqa' l-opri tal-karità tiegħek u
ftakar fik.

32Mela issa ibgħat lil xi ħadd f'Ġaffa għand Xmun, li jgħidulu Pietru, u għidlu jiġi
għandek. Dan qiegħed fid-dar ta' Xmun, il-konzatur, ħdejn il-baħar.'

33Għalhekk jien malajr bgħatt għalik; u int għamilt sewwa li ġejt. Issa aħna
qegħdin hawn ilkoll quddiem Alla, biex nisimgħu dak kollu li l-Mulej iridek
tgħidilna."

### Id-diskors ta' Pietru fid-dar ta' Kornelju

34Pietru qabad jitkellem u qal: "Issa tassew qiegħed nifhem li Alla ma jħares lejn
wiċċ ħadd,

35imma jilqa' lil kull min għandu l-biża' tiegħu u jagħmel is-sewwa, ikun minn
liema poplu jkun.

36Huwa bagħat il-kelma tiegħu lil ulied Iżrael u xandrilhom is-sliem permezz
ta' Ġesù Kristu, li hu s-Sid ta' kollox.

37Intom tafu b'dak li ġara mal-Lhudija kollha, ibda mill-Galilija, wara li Ġwanni
kien xandar il-magħmudija;

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

38tafu kif Alla kkonsagra lil Ġesù ta' Nazaret bl-Ispirtu s-Santu u bil-qawwa, u kif dan Ġesù għadda jagħmel il-ġid u jfejjaq lil dawk kollha li kienu maħkuma mix-xitan, għax Alla kien miegħu.

39U aħna xhud ta' dak kollu li hu għamel fl-art tal-Lhudija u f'Ġerusalemm. "Tawh il-mewt billi dendluh mal-għuda tas-salib;

40imma Alla qajmu mill-imwiet fit-tielet jum u għamel li hu jidher,

41mhux lil kulħadd, imma lix-xhieda li Alla għażel minn qabel, lilna, li miegħu kilna u xrobna wara l-qawmien tiegħu mill-imwiet.

42Lilna ordnalna biex inxandruh lill-poplu u nixhdu li dan hu dak li Alla għamlu mħallef tal-ħajjin u tal-mejtin.

43Il-profeti kollha jixhdu għalih u jgħidu li kull min jemmen fih jaqla' l-maħfra tad-dnubiet bis-saħħa ta' ismu."

### Il-pagani jirċievu l-Ispirtu s-Santu

44Meta Pietru kien għadu qiegħed jgħid dan, l-Ispirtu s-Santu niżel fuq dawk kollha li kienu jisimgħuh.

45Dawk li kienu marru ma' Pietru, Lhud li kienu emmnu, stagħġbu kif Alla sawwab id-don tal-Ispirtu s-Santu fuq il-pagani wkoll.

46Għax semgħuhom jitkellmu bl-ilsna u jfaħħru l-kobor ta' Alla. Imbagħad Pietru qal:

47"Jista' xi ħadd jiċħad l-ilma tal-magħmudija lil dawn in-nies, li ħadu l-Ispirtu s-Santu bħalma ħadnieh aħna wkoll?"

48U ordna li jitgħammdu fl-isem ta' Kristu. Imbagħad huma talbuh jibqa' għal ftit jiem magħhom.

## Atti tal-Appostli 11

### Pietru jfisser ruħu lill-Knisja ta' Ġerusalemm

1L-appostli u l-aħwa li kienu fil-Lhudija semgħu li l-pagani wkoll kienu laqgħu l-kelma ta' Alla.

2Għalhekk, meta Pietru tala' Ġerusalemm, dawk li riedu jżommu ċ-ċirkonċiżjoni bdew jeħduha miegħu

3u jgħidulu: "Inti dħalt għand nies li ma għandhomx iċ-ċirkonċiżjoni u kilt magħhom."

4Imbagħad Pietru qabad ifissrilhom kollox ħaġa b'ħaġa u qalilhom:


© 2020 Malta Bible Society.

5“Jiena kont qiegħed nitlob fil-belt ta' Ġaffa, xħin kelli dehra f'estasi; rajt xi ħaġa nieżla mis-sema, qisha liżar kbir miżmum mill-erbat itruf, u wasal sa ħdejja.

6Bqajt inħares lejh sewwa, u rajt bhejjem tal-art b'erba' saqajn, bhejjem selvaġġi, bhejjem li jitkaxkru, u għasafar tal-ajru.

7U smajt leħen jgħidli: ‘Qum, Pietru, oqtol u kul.’

8Imma jiena għedt: ‘Ma jkun qatt, Mulej! Għax qatt ma daħal ġo ħalqi ikel profan jew imniġġes!’

9Għal darba oħra l-leħen mis-sema qalli, ‘Dak li Alla saffa, int ma għandekx issejjaħlu mniġġes.’

10Dan ġara għal tliet darbiet. Imbagħad kollox ittieħed mill-ġdid lejn is-sema.

11Sewwasew dak il-ħin, fid-dar fejn konna, waslu tlitt irġiel, mibgħuta għandi minn Ċesarija.

12L-Ispirtu qalli biex immur magħhom bla ma noqgħod nitħasseb. Miegħi ġew ukoll dawn is-sitt aħwa, u dħalna fid-dar ta' dak ir-raġel.

13Hu għarrafna kif kien ra l-anġlu f'daru, wieqaf quddiemu, u qallu, ‘Ibgħat lil xi ħadd iġib minn Ġaffa lil Xmun, li jgħidulu Pietru;

14u hu jgħidlek kliem li bih issalva, int u l-familja tiegħek kollha.

15Kif bdejt nitkellem, l-Ispirtu s-Santu niżel fuqhom, bħalma kien niżel fuqna fil-bidu.

16Ftakart imbagħad fil-kelma tal-Mulej, meta qal, ‘Ġwanni għammed bl-ilma, iżda intom titgħammdu bl-Ispirtu s-Santu.’

17Mela jekk Alla tahom l-istess don kif tah lilna meta emminna fil-Mulej Ġesù Kristu, jien x'jien biex stajt inżomm lil Alla?”

18Meta semgħu dan il-kliem siktu, u bdew jagħtu glorja lil Alla u jgħidu: “Mela Alla lill-pagani wkoll tahom l-indiema li twassal għall-ħajja!”

### Il-Knisja f'Antjokja

19Dawk li kienu xterdu minħabba l-persekuzzjoni li kienet qamet minħabba Stiefnu waslu sal-Feniċja, sa Ċipru u sa Antjokja, u ma kienu jxandru l-kelma lil ħadd ħlief lil-Lhud biss.

20Imma xi wħud minnhom kienu minn Ċipru u minn Ċireni, u dawn, meta ġew Antjokja, bdew ikellmu wkoll lill-Griegi u jxandrulhom l-Evanġelju tal-Mulej Ġesù.

21U id il-Mulej kienet magħhom, u kbir kien l-għadd ta' dawk li emmnu u daru lejn il-Mulej.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

22L-aħbar ta' dan waslet f'widnejn il-Knisja ta' Ġerusalemm, u għalhekk bagħtu lil Barnaba sa Antjokja.

23Meta dan wasal u ra l-grazzja ta' Alla, feraħ u beda jħeġġiġhom biex jibqgħu b'rieda sħiħa magħqudin fil-Mulej.

24Għax hu kien raġel tajjeb, mimli bl-Ispirtu s-Santu u bil-fidi. U ġemgħa kbira ta' nies ingħaqdet mal-Mulej.

25Imbagħad hu telaq lejn Tarsu jfittex lil Sawl,

26u, meta sabu, ħadu Antjokja. Għaddew sena sħiħa flimkien fil-knisja, u għallmu kotra kbira ta' nies. Kien f'Antjokja li d-dixxipli għall-ewwel darba sejħulhom 'Kristjani'.

27Dik il-ħabta xi profeti minn Ġerusalemm niżlu Antjokja.

28Wieħed minnhom, jismu Agabu, kellu sinjal mill-Ispirtu, u qam iħabbar li kien se jaqa' ġuħ kbir fuq l-art kollha. Dan seħħ tabilħaqq fi żmien l-imperatur Klawdju.

29Għalhekk id-dixxipli qatgħuha li lkoll kemm kienu, kull wieħed skont ma kien jista', jibagħtu l-għajnuna lil ħuthom li kienu joqogħdu fil-Lhudija.

30Hekk għamlu; u bagħtu l-għajnuna għand il-presbiteri ma' Barnaba u ma' Sawl.

## Atti tal-Appostli 12

### Il-martirju ta' Ġakbu u l-arrest ta' Pietru

1Għall-ħabta ta' dak iż-żmien, is-sultan Erodi medd idu fuq xi wħud mill-Knisja biex jaħqarhom.

2Huwa qabad lil Ġakbu, ħu Ġwanni, u qatagħlu rasu.

3Imbagħad, meta ra li dan għoġob lil-Lhud, qabad lil Pietru wkoll. Dan kien fi żmien il-festa tal-Ażżmi.

4Meta arrestah u tefgħu l-ħabs, bagħat erba' gruppi ta' erba' suldati kull wieħed biex joqogħdu għassa tiegħu, bil-ħsieb li, wara l-Għid, iressqu quddiem il-poplu.

5Pietru, mela, kien arrestat fil-ħabs. Fl-istess ħin, il-Knisja kienet qiegħda titlob lil Alla għalih bil-ħerqa.

### Pietru meħlus mill-ħabs

6Fil-lejl stess ta' qabel ma Erodi kellu joħroġ lil Pietru, dan kien rieqed bejn żewġ suldati, marbut b'żewġ ktajjen; u kien hemm għases oħra mal-bieb tal-ħabs.


© 2020 Malta Bible Society.

[7]F'daqqa waħda deher anġlu tal-Mulej, u dawl idda mal-kamra. L-anġlu ta daqqa lil Pietru fuq ġenbu, qajmu u qallu: "Qum malajr." U l-ktajjen waqgħu minn ma' idejh.

[8]Imbagħad l-anġlu qallu: "Tħażżem u ilbes il-qorq." U Pietru hekk għamel. U raġa' qallu: "Dawwar il-mantar miegħek u ejja warajja."

[9]Pietru ħareġ u mar warajh, bla ma ntebaħ li dak li kien qiegħed jiġri permezz tal-anġlu kien veru; stħajjel li kienet xi viżjoni.

[10]Għaddew l-ewwel għassa, u t-tieni wkoll, u waslu ħdejn il-bieb tal-ħadid, li kien jagħti għall-belt, u dan infetaħ waħdu. Ħarġu, u mxew triq flimkien, meta f'daqqa waħda l-anġlu telaq minn ħdejh.

[11]Imbagħad Pietru ġie f'tiegħu u qal: "Issa naf tassew li l-Mulej bagħat l-anġlu tiegħu u ħelisni minn id Erodi u minn dak kollu li l-Lhud kienu qegħdin jistennew li jsir."

[12]Meta għaraf x'kien ġara, telaq lejn id-dar ta' Marija, omm Ġwanni, li jgħidulu wkoll Marku. Kien hemm ħafna miġbura jitolbu flimkien.

[13]Pietru ħabbat il-bieb ta' barra u ġiet qaddejja, jisimha Roda, biex tara min kien.

[14]Mil-leħen għarfet li kien Pietru, u bil-ferħ li qabadha anqas biss fetħet il-bieb, iżda telqet tiġri 'l ġewwa u qaltilhom li barra, fil-bieb, kien hemm Pietru.

[15]"Qed thewden!" qalulha. Imma hi baqgħet tgħid li hekk kien. Huma mbagħad qalu: "Mela l-anġlu tiegħu!"

[16]Sadattant Pietru baqa' jħabbat; marru jiftħu u baqgħu mistagħġba għall-aħħar kif rawh.

[17]Pietru għamlilhom sinjal b'idu biex jisktu u beda jgħidilhom kif il-Mulej ħarġu mill-ħabs. U qalilhom ukoll: "Agħtu din l-aħbar lil Ġakbu u lill-aħwa l-oħra." Imbagħad telaq 'il barra u mar f'post ieħor.

[18]Xħin sebaħ, is-suldati baqgħu mħawda mhux ftit fuq x'sata' sar minn Pietru.

[19]Erodi bagħat ifittxu u ma sabux; għalhekk stħarreġ lill-għassiesa u qatagħħielhom għall-mewt. Imbagħad mil-Lhudija niżel Ċesarija u baqa' hemm.

### Il-mewt ta' Erodi

[20]Issa Erodi kien inkurlat għan-nies ta' Tir u ta' Sidon. Dawn ftiehmu bejniethom u marru għandu, u, wara li rnexxielhom idawru favur tagħhom lil Blastu, il-kamrier tas-sultan, talbu li jagħmlu paċi, għax l-għajxien tagħhom kien jiddependi minn art is-sultan.

[21]Fil-jum magħżul, Erodi, liebes l-ilbies ta' sultan, ħa postu fuq it-tron u għamlilhom diskors.


© 2020 Malta Bible Society.

22Il-poplu nfexx jgħajjat u jgħid: "Dan leħen ta' alla, mhux ta' bniedem!"

23Iżda minnufih anġlu tal-Mulej laqtu, għax ma tax il-glorja lil Alla; dar għalih id-dud u miet.

24Imma l-kelma ta' Alla baqgħet tikber u toktor.

25Barnaba u Sawl, wara li temmew il-ministeru tagħhom f'Ġerusalemm, reġgħu lura u ħadu magħhom lil Ġwanni, li jgħidulu wkoll Marku.

## Atti tal-Appostli 13

### Il-missjoni mogħtija lil Barnaba u Sawl

1Fil-Knisja ta' Antjokja kien hemm xi profeti u għalliema: Barnaba, Xmun li
jgħidulu Niger, Luċju minn Ċireni, Manahen li kien trabba ma' Erodi t-tetrarka,
u Sawl.

2Darba, waqt li kienu qegħdin iqimu lill-Mulej u jsumu, l-Ispirtu s-Santu
qalilhom: "Agħżluli malajr lil Barnaba u lil Sawl għax-xogħol li għalih
sejjaħtilhom."

3Imbagħad, wara li samu u talbu, qiegħdu idejhom fuqhom u bagħtuhom.

### L-appostli f'Ċipru

4Għalhekk huma, mibgħuta mill-Ispirtu s-Santu, niżlu Selewkja, u minn hemm
telqu bil-baħar għal Ċipru.

5Meta waslu Salamina, bdew ixandru l-kelma ta' Alla fis-sinagogi tal-Lhud.
Kellhom magħhom lil Ġwanni jgħinhom.

6Qasmu l-gżira kollha sa Pafos. Hawnhekk iltaqgħu ma' wieħed Lhudi, jismu
Barjesu, saħħar u profeta falz,

7li kien mal-prokonslu Serġju Pawlu. Dan, raġel mogħni bid-dehen, bagħat għal
Barnaba u għal Sawl u ried jisma' mingħandhom il-kelma ta' Alla.

8Iżda Elima s-saħħar - għax hekk ifisser ismu - waqfilhom u beda jfittex li
jbiegħed lill-prokonslu mill-fidi.

9Imbagħad Sawl, li jismu wkoll Pawlu, mimli bl-Ispirtu s-Santu, waħħal
għajnejh fih

10u qallu: "Ja bniedem mimli b'kull qerq u ħażen, bin ix-xitan u għadu ta' kulma
hu sewwa, qatt m'int se tieqaf tgħawweġ it-triqat dritti tal-Mulej?

11Imma issa, ara, id il-Mulej se tilħqek: int tagħma, u għal xi żmien ma tarax id-
dawl tax-xemx." Minnufih waqa' fuqu ċpar u dlam, u beda jdur u jfittex lil min
imexxih minn idejh.


© 2020 Malta Bible Society.

12Xħin il-prokonslu ra x'ġara, emmen u baqa' mistagħġeb bit-tagħlim tal-Mulej.

### Pawlu u Barnaba f'Antjokja ta' Pisidja

13Pawlu u sħabu telqu bil-baħar minn Pafos u waslu Perge fil-Pamfilja. Hawn
Ġwanni ħalliehom u raġa' lura lejn Ġerusalemm.

14Minn Perge baqgħu sejrin sa ma waslu f'Antjokja ta' Pisidja. F'jum is-Sibt
daħlu fis-sinagoga u qagħdu bilqiegħda.

15Wara l-qari mil-Liġi u l-Profeti, il-kapijiet tas-sinagoga bagħtu jgħidulhom: "L-
aħwa, jekk xi ħadd minnkom irid jgħid kelmtejn ta' tħeġġiġ lill-poplu, tkellmu."

16Għalhekk Pawlu qam, għamel sinjal b'idu u beda jitkellem: "Nies ta' Iżrael, u
intom mill-ġnus li tibżgħu minn Alla, isimgħuni.

17Alla ta' dan il-poplu ta' Iżrael għażel lil missirijietna. Meta l-poplu kien jgħix
f'art barranija, fl-Eġittu, Alla għamlu poplu kbir u ħarġu minn hemm bil-qawwa
ta' driegħu.

18Għal madwar erbgħin sena stabar bihom fid-deżert.

19Meta mbagħad xejjen seba' popli fl-art ta' Kangħan, tahom din l-art b'wirt
għalihom.

20Dan kollu ħa xi erba' mija u ħamsin sena. Imbagħad tahom l-Imħallfin, sa
żmien il-profeta Samwel.

21Wara dan talbu li jkollhom sultan, u Alla tahom lil Sawl bin Kis, raġel mit-tribù
ta' Benjamin, li dam erbgħin sena.

22Meta mbagħad neħħa lil Sawl, qiegħed bħala sultan tagħhom lil David, li
għalih ta din ix-xhieda: 'Sibt lil David, bin Ġesse, raġel skont qalbi, li jagħmel dak
kollu li rrid jien.'

23Min-nisel ta' David, Alla, skont il-wegħda tiegħu, ġieb għal Iżrael salvatur, li
hu Ġesù.

24Qabel il-miġja tiegħu, Ġwanni ħareġ ixandar magħmudija ta' ndiema lill-poplu
kollu ta' Iżrael.

25U meta kien wasal fi tmiem il-ħidma tiegħu, Ġwanni qal, 'Jien m'iniex dak li
intom taħsbu li jien. Imma, araw, warajja ġej wieħed li jien anqas jistħoqqli
nħoll il-qorq ta' riġlejh.'

26"L-aħwa, ulied Abraham, u intom mill-ġnus li tibżgħu minn Alla, lilna
bagħatha Alla l-aħbar ta' din is-salvazzjoni.

27In-nies ta' Ġerusalemm u l-kapijiet tagħhom ma għarfux lil Ġesù, u anqas ma
fehmu kliem il-profeti li jinqraw kull nhar ta' Sibt; madankollu temmewhom
huma stess billi kkundannawh għall-mewt.


© 2020 Malta Bible Society.

28Għalkemm ma sabux fuqiex setgħu jagħtuh il-mewt, talbu lil Pilatu biex
ineħħilu ħajtu.

29U meta temmew dak kollu li kien miktub fuqu, niżżluh mis-salib u qegħduh
f'qabar.

30Imma Alla qajmu mill-imwiet.

31Għal ħafna jiem baqa' jidher lil dawk li kienu jitilgħu miegħu mill-Galilija lejn
Ġerusalemm, u li issa huma xhieda tiegħu quddiem il-poplu.

32U għalhekk aħna qegħdin hawn, biex nagħtukom l-aħbar, li l-wegħda, li Alla
kien għamel lil missirijietna,

33temmha għalina, li aħna wliedhom, billi qajjem lil Ġesù mill-imwiet, kif hemm
miktub fit-tieni salm, 'Ibni int, jien illum nissiltek.'

34U dwar li hu qajmu mill-imwiet, biex qatt aktar ma jerġa' jġarrab it-taħsir,
huwa qal hekk, 'Il-ħwejjeġ qaddisa u żguri li wegħedt lil David, jiena nagħtihom
lilkom.'

35Għalhekk jgħid ukoll band'oħra, 'Int ma tħallix il-Qaddis tiegħek iġarrab it-
taħsir.'

36David, wara li fi żmienu għamel ir-rieda ta' Alla, miet u nġabar ma'
missirijietu; u huwa ġarrab it-taħsir.

37Imma dak li Alla qajmu mill-imwiet ma ġarrabx it-taħsir.

38Mela, l-aħwa, kunu afu dan: li permezz ta' Ġesù qiegħda tixxandrilkom il-
maħfra tad-dnubiet;

39permezz tiegħu, kull min jemmen ikun iġġustifikat minn dak kollu li minnu
ma stajtux tkunu ġġustifikati bis-saħħa tal-Liġi ta' Mosè.

40Mela iftħu għajnejkom, li ma jiġix fuqkom dak li qalu l-profeti:

41'Araw, intom li tmaqdru, stagħġbu u għibu! Għax se nagħmel ħaġa fi
żmienkom, ħaġa li qatt ma temmnuha jekk xi ħadd jgħidilkom biha.' "

42Huma u ħerġin mis-sinagoga, in-nies bdew jitolbuhom biex is-Sibt ta' wara
jerġgħu jkellmuhom fuq dawn il-ħwejjeġ.

43U meta xterdet il-ġemgħa tas-sinagoga, ħafna, kemm mil-Lhud u kemm mill-
prosèliti twajba, marru ma' Pawlu u ma' Barnaba, u dawn ħeġġewhom biex
jibqgħu fil-grazzja ta' Alla.

44Is-Sibt ta' wara, tista' tgħid il-belt kollha nġabret biex tisma' l-kelma tal-Mulej.

45Il-Lhud, meta raw il-folol, imtlew bl-għira u bdew imieru lil Pawlu u jidgħulu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

46Imma Pawlu u Barnaba bil-kuraġġ kollu qalu: "Hekk kien meħtieġ, li l-kelma ta' Alla titħabbar lilkom l-ewwel. Billi intom qegħdin twarrbuha, u jidhrilkom li ma tistħoqqilkomx il-ħajja ta' dejjem, aħna se nduru fuq il-pagani.

47Għax hekk ordnalna l-Mulej, 'Jien għamiltek dawl tal-ġnus, biex twassal is-salvazzjoni sa truf l-art.' "

48Il-pagani, meta semgħu dan, bdew jifirħu u jigglorifikaw il-kelma tal-Mulej, u dawk kollha li kienu magħżula għall-ħajja ta' dejjem emmnu.

49Hekk il-kelma tal-Mulej baqgħet tixtered mal-art kollha.

50Imma l-Lhud xewxu n-nisa twajba u magħrufa u wkoll il-kbarat tal-belt, u qajmu persekuzzjoni kontra Pawlu u Barnaba u keċċewhom 'il barra minn arthom.

51Huma farfru għal fuqhom it-trab minn ma' riġlejhom u marru Ikonju.

52Iżda d-dixxipli mtlew bil-ferħ u bl-Ispirtu s-Santu.

## Atti tal-Appostli 14

### Pawlu u Barnaba f'Ikonju

1Meta kienu Ikonju, daħlu wkoll fis-sinagoga tal-Lhud u tkellmu b'mod li kotra kbira ta' nies, sew Lhud u sew Griegi, emmnu.

2Imma l-Lhud li ma laqgħux il-fidi xewxu l-pagani u għawewhom kontra l-aħwa nsara.

3Pawlu u Barnaba baqgħu għal ftit żmien sewwa jitkellmu bi qlubija kbira fuq il-Mulej. U hu stess kien jixhed għall-kelma tal-grazzja tiegħu b'sinjali u mirakli li kienu jsiru permezz tagħhom.

4Imma n-nies tal-belt inqasmu; xi wħud kienu jżommu mal-Lhud u oħrajn mal-appostli.

5Il-pagani u l-Lhud, flimkien mal-kapijiet tagħhom, ftiehmu li jumiljaw lill-appostli u jħaġġruhom.

6Malli saru jafu b'dan, ħarbu lejn Listra u Derbi, bliet ta' Likaonja, u fl-inħawi ta' madwarhom;

7u hemmhekk qagħdu jxandru l-Evanġelju.

### Pawlu mħaġġar f'Listra

8F'Listra kien hemm raġel bilqiegħda, marid b'riġlejh; kien magħtub mit-twelid, u qatt ma kien mexa.

9Hu sama' lil Pawlu jitkellem. Dan ħares lejh sewwa, ra li kellu fidi biex ifiq,

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

10u qallu b'leħen għoli: "Qum, ieqaf fuq riġlejk." Dak qam minnufih u beda jimxi.

11Malli raw dak li għamel Pawlu, il-kotra tan-nies bdiet tgħajjat bl-ilsien ta'
Likaonja: "L-allat niżlu fostna taħt sura ta' bnedmin!"

12U lil Barnaba sejħulu Żews u 'l Pawlu Ermi, għax hu l-aktar li tkellem.

13Il-qassis ta' Żews, li kellu t-tempju tiegħu ħdejn il-belt, ġieb fil-bieb gniedes
imżejnin bil-kuruni u, flimkien mal-poplu, ried joffrihomlhom b'sagrifiċċju.

14Malli semgħu b'dan, l-appostli Barnaba u Pawlu ċarrtu lbieshom, resqu malajr
lejn il-ġemgħa, u bdew jgħajtu

15u jgħidu: "Hbieb, hemm x'intom tagħmlu? Aħna wkoll bnedmin, ngħixu u
nħossu bħalkom, bnedmin li ġejna nħabbrulkom l-Evanġelju biex tħallu dawn
l-idoli fiergħa u dduru lejn Alla l-ħaj, li għamel is-sema u l-art u l-baħar u kulma
fihom.

16Fl-imgħoddi huwa ħalla l-ġnus kollha jimxu fi triqathom,

17madankollu ma naqasx li jagħti xhieda fuqu nnifsu bil-ġid li jagħmlilkom,
meta jagħtikom ix-xita mis-sema u l-frott fi żmienu, u hekk ixebbagħkom bl-ikel
u jimlielkom qalbkom bl-hena."

18Imma b'dan il-kliem bilkemm setgħu jżommu lill-poplu li ma joffrilhomx
sagrifiċċju.

19Imbagħad waslu xi Lhud minn Antjokja u minn Ikonju, li rnexxielhom idawru
n-nies għal magħhom. Qabdu jħaġġru lil Pawlu u kaxkruh 'il barra mill-belt,
għax ħasbuh mejjet.

20Imma xi dixxipli daru miegħu, u hu qam fuq riġlejh u daħal il-belt. L-għada
telaq ma' Barnaba u mar Derbi.

### Lura f'Antjokja tas-Sirja

21Huma xandru l-Evanġelju f'dik il-belt u għamlu ħafna dixxipli. Fi triqthom
lura, għaddew minn Listra, Ikonju u Antjokja,

22jagħmlu l-qalb lid-dixxipli u jħeġġuhom biex jibqgħu fil-fidi, għaliex, kif kienu
jgħidulhom, jeħtiġilna nbatu ħafna biex nidħlu fis-Saltna ta' Alla.

23Għamlulhom ukoll presbiteri f'kull Knisja, u bit-talb u s-sawm ħallewhom
f'idejn il-Mulej, li fih kienu emmnu.

24Imbagħad għaddew minn Pisidja u ġew fil-Pamfilja.

25Wara li xandru l-kelma f'Perġe, niżlu Attalija;

26minn hemm marru bil-baħar lejn Antjokja, mnejn kienu bagħtuhom u
rrikkmandawhom f'idejn il-grazzja ta' Alla għax-xogħol li temmew.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

27Meta waslu, laqqgħu l-membri tal-Knisja u qagħdu jgħarrfuhom b'dak kollu li
Alla għamel magħhom, u wrewhom kif fetaħ il-bieb tal-fidi għall-pagani.

28Hemm qagħdu għal ftit żmien sewwa mad-dixxipli.

## Atti tal-Appostli 15

### Il-Konċilju ta' Ġerusalemm

1Imma mbagħad niżlu xi wħud mill-Lhudija u bdew jgħallmu lill-aħwa: "Jekk
ma toqogħdux għaċ-ċirkonċiżjoni skont id-drawwa li ġejja minn Mosè, ma
tistgħux issalvaw."

2Pawlu u Barnaba qamu kontra tagħhom u ħaduha magħhom bis-sħiħ;
għalhekk qatgħuha li Pawlu u Barnaba u xi wħud oħra minnhom jitilgħu
Ġerusalemm ikellmu lill-appostli u l-presbiteri fuq din il-kwistjoni.

3Il-ġemgħa tal-Knisja marret tqabbadhom it-triq, u huma għaddew mill-Feniċja
u s-Samarija, jitkellmu fuq il-konverżjoni tal-pagani u jnisslu ferħ kbir fost l-
aħwa kollha.

4Meta waslu Ġerusalemm, il-ġemgħa tal-Knisja, l-appostli u l-presbiteri
laqgħuhom tajjeb u huma għarrfuhom b'dak kollu li Alla kien għamel magħhom.

5Iżda xi wħud min-naħa tal-Fariżej li kienu emmnu qamu jgħidu: "Jeħtieġ li l-
pagani joqogħdu għaċ-ċirkonċiżjoni u jkunu obbligati jħarsu l-Liġi ta' Mosè."

6Għalhekk l-appostli u l-presbiteri ltaqgħu flimkien biex jaraw din il-kwistjoni.

7Wara diskussjoni twila, Pietru qam u qalilhom: " L-aħwa, intom tafu li sa mill-
ewwel jiem Alla għażilni minn fostkom biex minn fommi l-pagani jisimgħu l-
kelma tal-Evanġelju u jemmnu.

8U dan xehdu Alla, li jagħraf il-qlub, billi tahom l-Ispirtu s-Santu bħalma tah
lilna.

9Ma għamel ebda għażla bejnna u bejnhom, imma saffielhom qalbhom bil-fidi.

10Mela issa għaliex iġġarrbu lil Alla billi tridu tqiegħdu fuq għonq id-dixxipli
madmad li la missirijietna u lanqas aħna ma flaħna nerfgħuh?

11Wara kollox aħna nemmnu li, bħalhom, aħna nsalvaw permezz tal-grazzja tal-
Mulej Ġesù."

12Imbagħad waqa' skiet fuq il-ġemgħa kollha. U qagħdu jisimgħu lil Barnaba u
lil Pawlu jirrakkuntaw kemm sinjali u mirakli Alla kien għamel permezz
tagħhom fost il-pagani.

13Meta waqfu huma, qam Ġakbu u qal: "L-aħwa, isimgħuni.


© 2020 Malta Bible Society.

14Xmun qalilna kif Alla sa mill-bidu ħaseb biex jiġbor minn fost il-pagani poplu li jkun tiegħu.

15Ma' dan jaqbel kliem il-profeti, kif hemm miktub,

16 'Wara dan nerġa' niġi u nibni d-dar ta' David, li ġġarrfet; nerġa' ntella' l-ħerba tagħha u nwaqqafha mill-ġdid,

17 biex ifittxu l-Mulej il-bqija tal-bnedmin u l-ġnus kollha li fuqhom issejjaħ ismi , jgħid il-Mulej,

18 li għarraf dan kollu sa mill-qedem.'

19Għalhekk jien ngħid li mhux ta' min idejjaqhom lill-pagani li jikkonvertu lejn Alla.

20Biss niktbulhom biex jitbiegħdu mill-ikel imniġġes bl-idoli, u miż-żwieġ ħażin, mil-laħam tal-annimali fgati u mid-demm.

21Għaliex sa mill-ewwel żminijiet kien hemm f'kull belt min ixandar il-Liġi ta' Mosè u jaqraha fis-sinagogi kull nhar ta' Sibt."

### It-tweġiba tal-Konċilju

22Imbagħad l-appostli u l-presbiteri, flimkien mal-Knisja kollha, dehrilhom li kellhom jagħżlu lil xi wħud minnhom u jibagħtuhom Antjokja ma' Pawlu u Barnaba. Dawn kienu Ġuda, jgħidulu Barsaba, u Sila, li kienu minn ta' quddiem fost l-aħwa,

23u bagħtu magħhom din l-ittra: "L-appostli u l-presbiteri, ħutkom, lill-aħwa ta' Antjokja, tas-Sirja u taċ-Ċiliċja, li ġew mill-ġnus; is-sliem għalikom!

24Aħna smajna li xi wħud min-nies tagħna, mingħajr ebda ordni tagħna, ġew ħawdukom u qallbulkom moħħkom bi kliemhom.

25Għalhekk aħna qbilna lkoll bejnietna u dehrilna li kellna nagħżlu lil xi wħud u nibagħtuhom għandkom flimkien mal-għeżież tagħna Barnaba u Pawlu,

26nies li ddedikaw ħajjithom għall-isem ta' Sidna Ġesù Kristu.

27Għalhekk bgħatnielkom lil Ġuda u 'l Sila, biex jgħidulkom bi kliemhom l-istess ħaġa.

28Għax lill-Ispirtu s-Santu u lilna dehrilna li aħna ma għandna ngħabbukom b'ebda piż ieħor aktar minn dak li hu meħtieġ,

29jiġifieri, li titbiegħdu mill-ikel issagrifikat lill-idoli, mid-demm, mil-laħam tal-annimali fgati u miż-żwieġ ħażin. Tagħmlu tajjeb jekk tħarsu rwieħkom minn dawn. Saħħa!"

30Għalhekk dawn il-messaġġiera niżlu Antjokja, laqqgħu l-ġemgħa u tawhom l-ittra,


© 2020 Malta Bible Society.

31qrawha, u ferħu għall-faraġ li tathom.

32Ġuda u Sila, li kienu wkoll profeti, farrġu lill-aħwa u wettquhom b'ħafna kliem.

33Wara li qagħdu hemm għal ftit taż-żmien, telqu bis-sliem mingħand l-aħwa u reġgħu lura għand dawk li kienu bagħtuhom.

35Imma Pawlu u Barnaba baqgħu Antjokja, fejn ma' ħafna oħrajn kienu jgħallmu u jxandru l-kelma ta' Alla.

### Pawlu u Barnaba jinfirdu

36Ftit taż-żmien wara, Pawlu qal lil Barnaba: "Ħa nerġgħu mmorru nżuru l-aħwa fl-ibliet kollha li fihom xandarna l-kelma tal-Mulej, u naraw kif huma sejrin."

37Barnaba ried li magħhom jieħdu wkoll lil Ġwanni, jgħidulu Marku.

38Imma Pawlu deherlu li ma kellhomx jieħdu magħhom wieħed li, meta kienu fil-Pamfilja, telaqhom u ma marx magħhom għax-xogħol.

39Kellhom xi jgħidu sewwa, hekk li nfirdu minn xulxin. Barnaba ħa miegħu lil Marku u telaq bil-baħar lejn Ċipru.

40Pawlu għażel għal miegħu lil Sila u telaq, wara li l-aħwa rrikkmandawhom f'idejn il-ħniena tal-Mulej.

41U dar is-Sirja u ċ-Ċiliċja kollha, iwettaq il-Knejjes.

## Atti tal-Appostli 16

### Timotju jissieħeb ma' Pawlu u Sila

1Pawlu wasal sa Derbi u Listra. Hemmhekk kien hemm dixxiplu jismu Timotju, bin mara Lhudija li kienet temmen, imma li missieru kien Grieg.

2Hu kellu fama tajba mal-aħwa ta' Listra u Ikonju.

3Pawlu ried jieħdu miegħu. Għalhekk qabad u għamillu ċ-ċirkonċiżjoni minħabba l-Lhud ta' dawk l-inħawi, għax kollha kienu jafu li missieru kien Grieg.

4Huma u għaddejjin mill-ibliet, bdew jgħarrfuhom bid-digrieti tal-appostli u l-presbiteri ta' Ġerusalemm u jħeġġuhom biex iħarsuhom.

5Hekk il-knejjes kienu jitwettqu fil-fidi u jiżdiedu fl-għadd kuljum.

### Raġel mill-Maċedonja jidher lill-Pawlu

6Qasmu mbagħad il-Friġja u l-art tal-Galazja, għax l-Ispirtu s-Santu ma ħallihomx ixandru l-kelma fl-Asja.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

7Kif waslu fl-inħawi ta' Misja, ippruvaw jidħlu f'Bitinja, imma l-Ispirtu ta' Ġesù ma ħallihomx.

8Għalhekk għaddew minn Misja u niżlu Troas.

9Billejl Pawlu kellu viżjoni; ra raġel mill-Maċedonja, wieqaf, jitolbu hekk: "Ejja l-Maċedonja u għinna."

10Malli ra din il-viżjoni, malajr fittixna nitilqu lejn il-Maċedonja, għax fhimna tajjeb li Alla kien sejħilna biex immorru nxandrulhom l-Evanġelju.

### Il-konverżjoni ta' Lidja

11Għalhekk tlaqna bil-baħar minn Troas u bqajna sejrin lejn Samotraċja, u l-għada wasalna Neapoli.

12Minn hemm morna Filippi, li hi l-belt ewlenija tal-provinċja tal-Maċedonja u kolonja Rumana. Qgħadna għal ftit jiem f'din il-belt.

13Meta wasal is-Sibt, ħriġna barra l-bieb tal-belt, lejn xatt ix-xmara, fejn dehrilna li kien hemm dar tat-talb. Qgħadna bilqiegħda, u bdejna nkellmu lin-nisa li kien hemm miġbura flimkien.

14Waħda minnhom kien jisimha Lidja, mara minn Tijatira, neguzjanta tal-porpra u kienet tqim lil Alla. Hija qagħdet tismagħna, u l-Mulej fetħilha qalbha biex tifhem dak li kien jgħid Pawlu.

15Wara li tgħammdet, hi u l-familja tagħha, talbitna u qaltilna: "Jekk jidhrilkom li jiena nemmen fil-Mulej, ejjew oqogħdu d-dar tiegħi." U ġagħlitna noqogħdu għandha.

### Pawlu u Sila fil-ħabs ta' Filippi

16Darba waħda, aħna u sejrin lejn il-post tat-talb, iltaqgħet magħna tfajla lsira, li kellha l-ispirtu biex taqra x-xorti u kienet iġġib ħafna flus lis-sidien tagħha bit-teħbir li kienet tagħmel.

17Din baqgħet miexja wara Pawlu u warajna, tgħajjat u tgħid: "Dawn l-irġiel huma qaddejja ta' Alla l-Għoli, li jxandrulkom it-triq tas-salvazzjoni."

18U damet ħafna ġranet tagħmel hekk. Fl-aħħar Pawlu ddejjaq, dar lejn l-ispirtu u qallu: "F'isem Ġesù Kristu, jiena ngħidlek: oħroġ minnha!" U l-ispirtu ħareġ minnha minnufih.

19Xħin is-sidien tagħha raw li taritilhom it-tama tal-qligħ, qabdu lil Pawlu u 'l Sila u kaxkruhom lejn il-pjazza għal quddiem il-kapijiet.

20Ħaduhom quddiem il-maġistrati u qalulhom: "Dawn l-irġiel, li huma Lhud, qegħdin iqanqlulna l-inkwiet fil-belt;


© 2020 Malta Bible Society.

21qegħdin ixandru drawwiet li aħna, bħala Rumani, la nistgħu nilqgħuhom u lanqas inħarsuhom."

22Il-folla qamet kontra tagħhom; il-maġistrati ċarrtulhom ħwejjiġhom u ordnaw li jsawtuhom bil-bsaten.

23Wara li tawhom xebgħa sewwa, tefgħuhom il-ħabs, u taw ordni lill-għassies biex iħarishom tajjeb.

24Kif irċieva ordni bħal din, l-għassies tefagħhom il-ħabs, 'il ġewwa nett, u qaflilhom saqajhom f'ċipp tal-injam.

25Għall-ħabta ta' nofs il-lejl Pawlu u Sila bdew jitolbu u jfaħħru 'l Alla bl-innijiet, u l-ħabsin jisimgħuhom.

26F'daqqa waħda sar terremot hekk kbir li s-sisien tal-ħabs theżżu, minnufih il-bibien kollha nfetħu beraħ u nħall l-irbit ta' kulħadd.

27Kif l-għassies stenbaħ u ra l-bibien tal-ħabs miftuħa beraħ, silet is-sejf u kien se jneħħi ħajtu b'idejh, għax stħajjel li l-ħabsin kienu ħarbu.

28Imma Pawlu għajjat b'leħen għoli u qallu: "Tagħmel ebda ħsara lilek innifsek, għax aħna lkoll hawn."

29L-għassies talab id-dawl, daħal jiġri, u mriegħed bil-biża' nxteħet f'riġlejn Pawlu u Sila.

30Imbagħad ħariġhom barra u qalilhom: "Sinjuri, x'għandi nagħmel biex insalva?"

31Huma weġbuh: "Emmen fil-Mulej Ġesù, u ssalva int u l-familja tiegħek."

32U ħabbrulu l-kelma tal-Mulej, lilu u lil dawk kollha li kienu f'daru.

33Dak il-ħin stess billejl, l-għassies ħadhom miegħu, ħaslilhom il-ġrieħi, u bla telf ta' żmien tgħammed hu u niesu kollha.

34Imbagħad tellagħhom id-dar tiegħu, għamlilhom mejda, u feraħ man-nies kollha ta' daru talli kien emmen f'Alla.

35Meta sebaħ, il-maġistrati bagħtu xi uffiċjali b'dan il-messaġġ: "Ħallu lil dawn l-irġiel imorru."

36L-għassies wassal dan il-messaġġ lil Pawlu: "Il-maġistrati bagħtu jgħidulna biex nitilqukom. Mela issa oħorġu u morru bis-sliem."

37Imma Pawlu qalilhom: "Sawtuna quddiem kulħadd, lilna, ċittadini Rumani, bla ma raw jekk aħniex ħatja jew le, u tefgħuna l-ħabs; u issa jridu jibagħtuna 'l barra bil-moħbi? Hekk le! Ha jiġu u joħorġuna huma!"

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

38L-uffiċjali wasslu dan il-kliem lill-maġistrati, u dawn beżgħu malli saru jafu li kienu Rumani.

39Għalhekk marru u bdew iżiegħlu bihom; ħarġuhom 'il barra, u talbuhom biex iħallu l-belt.

40Kif ħarġu mill-ħabs, marru d-dar ta' Lidja. Hemm iltaqgħu mal-aħwa, farrġuhom bi kliemhom, u telqu.

## Atti tal-Appostli 17

### Irvell f'Tessalonika

1Għaddew minn Amfipoli u Apollonja u waslu Tessalonika, fejn kien hemm sinagoga tal-Lhud.

2Pawlu daħal magħhom fis-sinagoga, kif kien imdorri jagħmel. Għal tliet Sibtijiet wara xulxin kien jiddiskuti magħhom fuq l-Iskrittura,

3u jfehemhom u jippruvalhom li l-Messija kellu jbati u jqum mill-imwiet. U kien jgħidilhom: "Il-Messija hu dan Ġesù li jien qiegħed inxandar lilkom."

4Xi wħud minnhom emmnu u ssieħbu miegħu u ma' Sila; fosthom kien hemm għadd kbir ta' Griegi li kienu jqimu lil Alla, u mhux ftit nisa mill-kbarat.

5Imma l-Lhud ġiethom l-għira, ġabru xi rġiel bla kont mit-triqat, ġemgħu l-folla, u qajmu rvell sħiħ fil-belt. Daħlu d-dar ta' Ġason ifittxu lil Pawlu u 'l Sila biex iressquhom quddiem il-poplu.

6Billi ma sabuhomx, kaxkru lil Ġason u 'l xi wħud mill-aħwa quddiem il-kapijiet tal-belt u bdew jgħajtu: "Dawn l-irġiel, li qallbu d-dinja ta' taħt fuq, ġew hawn ukoll

7u laqagħhom għandu Ġason. Huma lkoll qegħdin jeħduha kontra d-digrieti ta' Ċesari, għax qegħdin jgħidu li hemm sultan ieħor, li hu Ġesù."

8Meta semgħu dan il-kliem, il-folla u l-kapijiet tal-belt tħawdu.

9Imbagħad, wara li Ġason u l-oħrajn għamlu tajjeb għalihom, ħallewhom imorru.

### Pawlu u Sila f'Berija

10Minnufih billejl l-aħwa qabbdu t-triq lil Pawlu u 'l Sila għal Berija. Kif waslu hemm, baqgħu sejrin lejn is-sinagoga tal-Lhud.

11Dawn il-Lhud kienu nies ta' qalb kbira aktar minn dawk ta' Tessalonika; huma laqgħu l-kelma bil-ħeġġa kollha, u kuljum bdew iqallbu l-Iskrittura biex jaraw jekk dak li semgħu kienx minnu.


© 2020 Malta Bible Society.

12Għalhekk ħafna minnhom emmnu; hekk ukoll għadd ġmielu ta' Griegi, nisa
nobbli u rġiel.

13Iżda malli l-Lhud ta' Tessalonika saru jafu li Pawlu kien xandar il-kelma ta'
Alla f'Berija wkoll, marru hemm ukoll u bdew iqanqlu u jħawdu l-folol.

14Minnufih l-aħwa qabbdu t-triq lil Pawlu sa xatt il-baħar, waqt li Sila u Timotju
baqgħu hemm.

15Dawk li marru ma' Pawlu wassluh sa Ateni. Imbagħad reġgħu lura, bl-ordni
għal Sila u Timotju biex imorru ħdejh mill-aktar fis.

**Pawlu f'Ateni**

16Kemm dam Ateni jistenniehom, Pawlu kien jinkedd fih innifsu jara l-belt
mimlija idoli.

17Għalhekk fis-sinagoga kien jiddiskuti mal-Lhud u ma' dawk kollha li kuljum
kienu jinzertaw għaddejjin mill-pjazza tal-belt.

18Resqu wkoll jitħaddtu miegħu xi Epikurin u Stojċi. Uħud minnhom kienu
jgħidu: "X'għandu x'jgħid dan il-lablâb?" U oħrajn: "Donnu messaġġier ta' xi
allat stranġiera." Għax kien ixandar lil Ġesù u l-qawmien mill-imwiet.

19Għalhekk ħaduh magħhom u marru fl-Arjopagu u qalulu: "Nistgħu nkunu
nafu x'inhu dan it-tagħlim ġdid li qiegħed tgħallem?

20Għax int semmajtna ħwejjeġ li qatt ma smajna bihom, u aħna nixtiequ nkunu
nafu x'inhuma dawn."

21Issa l-Atenin kollha u l-barranin li kienu joqogħdu hemm ma kienu jedhew
b'xejn ħlief b'li jgħidu jew jisimgħu xi ħaġa ġdida.

22Imbagħad Pawlu, wieqaf f'nofs l-Arjopagu, qabad jitkellem: "Irġiel ta' Ateni,
qiegħed nara li intom f'kollox nies mill-aktar reliġjużi.

23Jien u għaddej u nħares lejn ix-xbihat qaddisa tal-qima tagħkom, sibt ukoll
artal b'din il-kitba fuqu, 'Lil Alla Mhux Magħruf'. Għalhekk, dak li intom tqimuh
bla ma tagħrfuh, inħabbarhulkom jien.

24Alla, li għamel id-dinja u kulma fiha, u li hu sid is-sema u l-art, ma joqgħodx
f'tempji maħduma bl-idejn,

25anqas ma jqimuh b'offerti minn idejn il-bniedem bħallikieku kienet tonqsu xi
ħaġa, hu, li jagħti lil kulħadd il-ħajja u n-nifs u kollox.

26Minn bniedem wieħed għamel il-ġens kollu tal-bnedmin biex jgħammru fuq
wiċċ l-art kollha, u qassmilhom bil-qjies iż-żminijiet u t-truf tal-art fejn
għandhom jgħammru;


© 2020 Malta Bible Society.

27u dan għamlu biex huma jfittxu lil Alla u forsi jħossuh b'idejhom u jsibuh; u tassew, hu mhuwiex 'il bogħod minn kull wieħed minna.

28Aħna fih ngħixu, nitħarrku u aħna; u, kif qalu xi wħud mill-poeti tagħkom, 'Aħna tassew nisel tiegħu.'

29Mela ladarba aħna nisel ta' Alla, ma għandniex naħsbu li hu jixbah lid-deheb jew lill-fidda jew lill-ħaġar, qisu xbieha ġejja minn sengħet u moħħ il-bniedem.

30Alla għalaq għajnejh sakemm il-bnedmin kienu għadhom ma jafux; issa għarrafhom li kulħadd għandu jindem, hu fejn hu.

31Għax hu għażel jum li fih għandu jagħmel ħaqq ġust mid-dinja permezz ta' bniedem li ħatru hu; u ta' dan kollu ta prova quddiem kulħadd billi lilu qajmu mill-imwiet."

32Malli semgħu kliemu fuq il-qawmien mill-imwiet, xi wħud minnhom bdew jidħku; iżda oħrajn qalu: "Nerġgħu nisimgħuk fuq dan darb'oħra."

33Hekk Pawlu ħareġ minn ġo nofshom.

34Imma xi wħud issieħbu miegħu u emmnu; fost dawn kien hemm ukoll Djonisju l-Arjopagita u waħda mara jisimha Damari u oħrajn magħhom.

## Atti tal-Appostli 18

### Pawlu f'Korintu

1Wara dan, Pawlu ħalla Ateni u mar Korintu.

2Hemm sab wieħed Lhudi minn Pontu, jismu Akwila, li kien għadu kemm wasal mill-Italja ma' martu Prixxilla; għax l-imperatur Klawdju kien ordna biex il-Lhud kollha jitilqu minn Ruma. Pawlu mar għandhom

3u, billi kellu l-istess sengħa tagħhom, qagħad jaħdem magħhom. Is-sengħa tagħhom kienet li jagħmlu t-tined.

4Kull nhar ta' Sibt kien imur jiddiskuti fis-sinagoga u jfittex li jipperswadi lil-Lhud u l-Griegi.

5Meta Sila u Timotju waslu mill-Maċedonja, Pawlu ta ruħu kollu kemm hu għax-xandir tal-kelma, u kien jixhed lil-Lhud li Ġesù huwa l-Messija.

6Iżda huma waqfulu u bdew jidgħulu, u għalhekk Pawlu farfar ħwejġu u qalilhom: "Intom taħtu għat-telfien tagħkom, jien ma għandix ħtija! Minn issa 'l quddiem se ngħaddi għal għand il-pagani."

7Imbagħad telaq minn hemm u mar għand wieħed jismu Titu Ġustu, li kien iqim lil Alla, u li daru kienet maġenb is-sinagoga.


© 2020 Malta Bible Society.

8Krispu, il-kap tas-sinagoga, u l-familja tiegħu kollha emmnu fil-Mulej, u ħafna mill-Korintin, li kienu jisimgħu lil Pawlu, emmnu huma wkoll u tgħammdu.

9Darba billejl il-Mulej deher lil Pawlu u qallu: "La tibżax, imma tkellem u tiskotx,

10għax jiena miegħek, u ħadd ma hu se jmidd idu fuqek biex jagħmillek ħsara; għax poplu kbir hawn għalija f'din il-belt."

11Pawlu qagħad hemm sena u sitt xhur, jgħallimhom il-kelma ta' Alla.

12Imma meta Galljon sar prokonslu tal-Akaja, il-Lhud qamu għalenija kontra Pawlu, tellgħuh quddiem il-qorti,

13u qalu: "Dan il-bniedem qiegħed jipperswadi lin-nies biex iqimu lil Alla kontra l-Liġi."

14Xħin Pawlu kien se jiftaħ fommu, Galljon qal lil-Lhud; "Li kieku kien hemm xi ħtija jew delitt, kien ikun hemm raġuni li nismagħkom bis-sabar kollu lilkom il-Lhud:

15imma jekk din hi kwistjoni dwar kliem u ismijiet u l-Liġi tagħkom, arawha intom; jien ma rridx nagħmilha ta' mħallef fi ħwejjeġ bħal dawn."

16U bagħathom 'il barra mill-qorti.

17Imbagħad ilkoll qabdu f'Sòsteni, il-kap tas-sinagoga, u tawh xebgħa quddiem il-qorti. Imma Galljon ma ta ebda kas ta' dan.

## Pawlu lura f'Antjokja tas-Sirja

18Pawlu baqa' hemm għal ħafna ġranet. Imbagħad infired mill-aħwa u rħielha bil-baħar lejn is-Sirja. Kellu miegħu lil Prixxilla u Akwila. F'Kenkri qata' xagħru, għax kellu wegħda.

19Meta waslu Efesu, Pawlu ħalla lill-oħrajn u mar fis-sinagoga jiddiskuti mal-Lhud.

20Huma talbuh joqgħod hemm ftit ieħor; hu ma riedx,

21imma xħin ġie biex jinfired minnhom qalilhom: "Jekk Alla jrid, nerġa' niġi għandkom." U telaq minn Efesu bil-baħar.

22Meta wasal Ċesarija, tala' Ġerusalemm isellem lill-Knisja, u mbagħad niżel Antjokja.

23Wara li għadda ftit taż-żmien hemmhekk, telaq u qagħad idur minn post għal ieħor fl-art tal-Galazja u l-Friġja, iwettaq id-dixxipli kollha.

## Apollu jippriedka f'Efesu

24Wieħed Lhudi minn Lixandra, jismu Apollu, wasal Efesu. Kien raġel jinqala' biex jitkellem, u għaref fl-Iskrittura.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

25Kien mgħallem fit-Triq tal-Mulej, u kien jitkellem b'ħeġġa kbira u jgħallem fuq
Ġesù, għad li kien jaf biss bil-magħmudija ta' Ġwanni.

26Dan beda jitkellem bi qlubija kbira fis-sinagoga. Prixxilla u Akwila semgħuh;
ħaduh magħhom u fissrulu t-Triq ta' Alla iktar bir-reqqa.

27Billi hu ried imur l-Akaja, l-aħwa għamlulu l-qalb u kitbu lid-dixxipli biex
jilqgħuh. Meta wasal hemm, bis-saħħa tal-grazzja li kellu, kien ta' għajnuna
kbira għal dawk li kienu emmnu.

28U bil-qawwa kollha kien jagħlaq ħalq il-Lhud quddiem kulħadd billi jurihom
mill-Iskrittura li Ġesù hu l-Messija.

## Atti tal-Appostli 19

### Pawlu f'Efesu

1Meta Apollu kien Korintu, Pawlu għadda mill-inħawi ta' fuq u wasal Efesu, fejn
sab xi dixxipli

2u staqsiehom: "Hadtu intom l-Ispirtu s-Santu meta emmintu?" Iżda huma
weġbuh: "Le, anqas biss smajna li hemm l-Ispirtu s-Santu!"

3"Mela x'magħmudija ħadtu?" staqsiehom Pawlu. "Il-magħmudija ta' Ġwanni,"
weġbuh huma.

4Imbagħad Pawlu qalilhom: "Ġwanni għammed bil-magħmudija tal-indiema;
imma lin-nies kien jgħidilhom biex jemmnu f'dak li kellu jiġi warajh, jiġifieri,
f'Ġesù."

5Xħin semgħu dan, tgħammdu f'isem il-Mulej Ġesù.

6Imbagħad, kif Pawlu qegħdilhom idejh fuqhom, niżel fuqhom l-Ispirtu s-Santu
u bdew jitkellmu b'ilsna u jħabbru.

7B'kollox kienu madwar tnax-il raġel.

8Għal tliet xhur Pawlu kien imur fis-sinagoga, jitkellem bi qlubija kbira u jfittex
li jipperswadihom fuq is-Saltna ta' Alla.

9Xi wħud kienu jwebbsu rashom u ma ridux jemmnu, u bdew imaqdru t-Triq
tal-Mulej quddiem il-ġemgħa kollha. Għalhekk Pawlu telaq minn magħhom,
ġabar miegħu d-dixxipli, u kien joqgħod jitkellem magħhom kuljum fl-iskola ta'
wieħed jismu Tirannu.

10Dan baqa' sejjer għal sentejn, tant li dawk kollha li kienu joqogħdu fl-Asja,
kemm Lhud u kemm Griegi, semgħu l-kelma tal-Mulej.

### Ulied Xeva

11U Alla kien jagħmel mirakli mhux żgħar permezz ta' Pawlu,

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

12hekk li, meta kienu jieħdu mkatar jew fradal li jkunu messew miegħu u
jqegħduhom fuq il-morda, dawn kienu jfiqu mill-mard tagħhom u l-ispirti
ħżiena kienu joħorġu minnhom.

13Kien hemm xi wħud mill-eżorċisti Lhud iduru ma' dawk l-inħawi, u bdew
isejħu l-isem tal-Mulej Ġesù fuq dawk li kellhom l-ispirti ħżiena u jgħidulhom:
"Niskunġrak b'dak Ġesù li jxandar Pawlu."

14Kien hemm seba' wlied ta' wieħed jismu Xeva, qassis kbir Lhudi, li kienu
jagħmlu dan.

15Imma l-ispirtu ħażin weġibhom: "Lil Ġesù nafu, u lil Pawlu nafu wkoll, imma
intom min intom?"

16Imbagħad ir-raġel li kellu l-ispirtu ħażin ħebb għalihom, għelibhom ilkoll u
qabadhom b'saħħtu kollha, hekk li ħarbu minn dik id-dar imneżżgħin u kollhom
miġruħa.

17Dan saru jafu bih il-Lhud u l-Griegi kollha li kienu joqogħdu Efesu, u waqa'
biża' fuqhom ilkoll; u isem il-Mulej Ġesù kien igglorifikat bil-bosta.

18Hafna minn dawk li emmnu bdew jersqu biex jistqarru u jxandru għemilhom.

19U bosta minn dawk li qabel kienu jagħmlu s-sħarijiet ġiebu l-kotba tagħhom
u ħarquhom quddiem kulħadd. Meta għamlu l-istima tagħhom, sabu li kienu
jiswew ħamsin elf biċċa tal-fidda.

20Hekk il-kelma tal-Mulej baqgħet tikber u tissaħħaħ bil-qawwa kollha.

### Irvell f'Efesu

21Wara li seħħ dan kollu, Pawlu għamel il-ħsieb li jmur il-Maċedonja u l-Akaja
biex minn hemm jibqa' sejjer Ġerusalemm. Qal ukoll: "Wara li mmur hemm,
jeħtieġ nara Ruma wkoll."

22Għalhekk bagħat lejn il-Maċedonja lil Timotju u 'l Erastu, tnejn minn dawk li
kienu jgħinuh, u hu baqa' għal ftit taż-żmien ieħor fl-Asja.

23Mela dik il-ħabta nqala' inkwiet mhux żgħir minħabba t-Triq tal-Mulej.

24Kien hemm wieħed arġentier, jismu Demetriju, li kien jagħmel mudelli tal-
fidda tat-tempju ta' Artemi, u, bis-saħħa tiegħu, in-nies tas-sengħa kienu
jaqilgħu ħafna flus.

25Dan laqqagħhom flimkien ma' nies ta' snajja' oħra bħal tagħhom, u qalilhom:
"Ħbieb, intom tafu li l-għana tagħna ġej mill-qligħ ta' din is-sengħa.

26Qegħdin taraw u tisimgħu li dan Pawlu qiegħed idawwar u jaqleb ħafna nies,
mhux biss f'Efesu, imma tista' tgħid fl-Asja kollha. Qiegħed jgħidilhom li allat
maħduma bl-idejn ma huma allat xejn.


© 2020 Malta Bible Society.

27Dan hu l-biża' tagħna, li mhux biss din is-sengħa tagħna ma jibqgħux jistmawha, iżda li saħansitra t-tempju ta' Artemi l-kbira, l-alla tagħna, jiġi fix-xejn; u fl-aħħar jiġri li tonqos il-glorja kbira ta' dik li hi miqjuma fl-Asja u d-dinja kollha."

28Xħin semgħu dan, imtlew bl-għadab u qabdu jgħajtu: "Kbira Artemi tal-Efesin!"

29Qamet taħwida fil-belt kollha; in-nies b'ġirja waħda telqu lkoll flimkien għall-anfitijatru u kaxkru magħhom lil Gaju u 'l Aristarku, iż-żewġ irġiel mill-Maċedonja li kienu sħab Pawlu fil-vjaġġ.

30Pawlu ried jidħol qalb il-folla, imma d-dixxipli ma ħallewhx.

31Xi awtoritajiet tal-Asja, ħbieb tiegħu, bagħtu jgħidulu huma wkoll biex ma jissugrax jidħol fl-anfitijatru.

32Ġewwa fost il-ġemgħa kien hemm storbju sħiħ; min kien jgħajjat ħaġa u min oħra, u l-biċċa l-kbira anqas biss kienu jafu għalfejn inġabru hemm.

33Il-Lhud tefgħu lil Alessandru 'l quddiem, u xi wħud mill-folla fehmuh x'kienet il-kwistjoni. Alessandru għamel sinjal b'idu biex juri li ried jagħmel difiża quddiem il-poplu.

34Imma kif intebħu li kien Lhudi qabdu jgħajtu lkoll b'leħen wieħed, u baqgħu sejrin jgħajtu għal madwar sagħtejn sħaħ: "Kbira Artemi tal-Efesin!"

35Imbagħad uffiċjal pubbliku rnexxielu jsikket il-folla u qalilhom: "Nies ta' Efesu, min hu dak li ma jafx li Efesu hija l-belt li tħares it-tempju ta' Artemi l-kbira u tax-xbieha tagħha li waqgħet mis-sema?

36Dan ħadd ma jista' jmerih! Mela għandkom toqogħdu bi kwietkom u ma tagħmlu xejn bl-għaġla.

37Intom ġibtu hawn lil dawn l-irġiel, li ebda sagrileġġ ma għamlu, u anqas dgħaw kontra din l-alla tagħna.

38Mela jekk Demetriju u sħabu tas-sengħa tiegħu għandhom xi jgħidu kontra xi ħadd, hemm il-qrati u l-imħallfin; ħa jmorru jixlu 'l xulxin quddiemhom.

39Jekk imbagħad għandkom xi kwistjoni oħra, ħalluha tkun deċiża fil-laqgħa tas-soltu.

40Għax fuq dak li ġara llum, hemm il-periklu li jgħodduna b'ħatja ta' dan l-irvell, u ma hemm ebda skuża li nistgħu nġibu għal irvell bħal dan."

41Xħin temm jgħid dan, bagħat lil kulħadd 'il barra.

## Atti tal-Appostli 20


© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

### Il-vjaġġ ta' Pawlu lejn il-Maċedonja u l-Greċja

1Meta waqaf l-istorbju, Pawlu bagħat għad-dixxipli u ħeġġiġhom bi kliemu,
sellmilhom u qabad it-triq għall-Maċedonja.

2Huwa u għaddej minn dawk l-inħawi, kien iħeġġeġ lid-dixxipli b'ħafna kliem.
Imbagħad wasal il-Greċja,

3fejn għadda tliet xhur. Meta kien wasal biex jaqbad il-ġifen għas-Sirja, il-Lhud
nasbu konfoffa kontra tiegħu, u għalhekk għamel il-ħsieb li jerġa' lura u jgħaddi
mill-Maċedonja.

4Marru miegħu Sopatru bin Pirru, minn Berija, Aristarku u Sekundu, it-tnejn
minn Tessalonika, Gaju minn Derbi u Timotju, u Tikiku u Trofimu, it-tnejn mill-
Asja.

5Dawn telqu qabilna u qagħdu jistennewna fi Troas.

6Aħna tlaqna bil-baħar minn Filippi wara jiem l-Ażżmi, u, wara ħamest ijiem,
erġajna ltqajna magħhom fi Troas, fejn qgħadna sebat ijiem.

### L-aħħar żjara ta' Pawlu fi Troas

7Fl-ewwel jum tal-ġimgħa nġbarna flimkien biex naqsmu l-ħobż. Pawlu, li kellu
jitlaq l-għada, qagħad jitħaddet magħhom u dam jitkellem sa nofs-il-lejl.

8Kien hemm ħafna msiebaħ fil-kamra ta' fuq fejn konna miġbura.

9Wieħed żagħżugħ, jismu Ewtiku, kien bilqiegħda f'ħoġor it-tieqa, u ħadu n-
ngħas sewwa, għax Pawlu ġibed fit-tul fi kliemu. Fl-aħħar in-ngħas għelbu u
waqa' għal isfel mit-tielet sular, u refgħuh mejjet.

10Pawlu niżel isfel, tbaxxa fuqu, refgħu f'dirgħajh u qal: "Tibżgħu xejn, għax
ruħu għadha fih."

11Imbagħad raġa' tela' fuq, qasam il-ħobż u kiel; u ssokta jitkellem magħhom sa
ma sebaħ. Imbagħad telaq.

12Lil dak iż-żagħżugħ ħaduh ħaj, u tfarrġu mhux ftit.

### Il-vjaġġ minn Troas għal Miletu

13Aħna tlaqna qabel lejn il-ġifen u baħħarna lejn Assos, fejn kellna ntellgħu
magħna lil Pawlu, kif konna ftehemna, għax hu ried imur bl-art.

14Wara li ltqajna f'Assos, tellajnieh magħna fuq il-ġifen u wasalna Mitileni.

15L-għada tlaqna minn hemm u wasalna biswit Kijos; il-jum ta' wara lħaqna
Samos, u fil-jum ta' wara wasalna Miletu;

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

16għax Pawlu kien qatagħha li jgħaddi 'l barra minn Efesu, biex ma jaħlix żmien
fl-Asja, billi kien mgħaġġel ħalli, jekk jista' jkun, ikun Ġerusalemm għall-festa ta'
Għid il-Ħamsin.

### Pawlu jkellem lill-presbiteri ta' Efesu

17Minn Miletu Pawlu bagħat isejjaħ lill-presbiteri tal-Knisja ta' Efesu.

18Meta waslu għandu, qalilhom: "Intom stess tafu kif jien ġibt ruħi kemm domt
magħkom minn dak inhar li rfist l-ewwel darba fl-Asja,

19kif qdejt lill-Mulej bl-umiltà kollha, bid-dmugħ u bit-tiġrib li fih sibt ruħi
minħabba t-tnassis tal-Lhud.

20Qatt ma bżajt nurikom dak li hu ta' fejda għalikom u ngħallimkom kemm fil-
beraħ u kemm fid-djar,

21u nwissi lil-Lhud u lill-Griegi li għandhom jindmu u jduru lejn Alla u jemmnu
fil-Mulej tagħna Ġesù.

22U issa, araw, jien, imġiegħel mill-Ispirtu, sejjer Ġerusalemm bla ma naf x'se
jgħaddi minn għalija hemmhekk.

23Naf biss li l-Ispirtu s-Santu wrieni f'kull belt li hemm jistennewni ħabs u
tbatija.

24Iżda jien lil ħajti xejn ma nqisha għażiża għalija jekk mhux biex intemm il-
mixja tiegħi u l-ministeru li ħadt mingħand il-Mulej Ġesù, jiġifieri, li nagħti
xhieda tal-Evanġelju tal-grazzja ta' Alla.

25"U issa jiena naf li intom ilkoll, li fostkom għaddejt inxandar is-Saltna,
m'intomx se taraw wiċċi aktar.

26Għalhekk nistqarr quddiemkom illum li jien m'iniex ħati tal-ħsara li tistgħu
ġġarrbu;

27għax jien qatt ma bżajt nurikom dak kollu li Alla jrid minnkom.

28Hudu ħsieb tagħkom infuskom u tal-merħla kollha li l-Ispirtu s-Santu
għamilkom għassiesa tagħha biex tirgħu l-Knisja ta' Alla li hu kiseb b'demmu
stess.

29Jiena naf li, wara li nitlaq jien, jidħlu fostkom ilpup qalila li lill-merħla ma
jaħfruhilhiex.

30U minn fostkom stess għad iqumu xi wħud li jgħallmu dak li hu kontra s-
sewwa, bil-ħsieb li jdawru d-dixxipli għal warajhom.

31Għalhekk iftħu għajnejkom, ftakru kif għal tliet snin sħaħ, lejl u nhar, qatt ma
waqaft inwissi bid-dmugħ f'għajnejja lil kull wieħed minnkom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

32U issa nitlaqkom f'idejn Alla u l-kelma tal-grazzja tiegħu, dik il-kelma li għandha l-qawwa li tibnikom u tagħtikom sehemkom fost dawk li huma kkonsagrati lilu.

33Fidda, deheb u lbies ta' ħaddieħor qatt ma xtaqthom.

34Intom stess tafu li kienu dawn idejja li ħadmu għall-ħtiġiet tiegħi u ta' sħabi.

35F'kollox urejtkom li b'xogħol iebes bħal dan tagħna għandna nieħdu ħsieb
ngħinu lil min hu fil-bżonn, waqt li niftakru fi kliem il-Mulej Ġesù li qal, 'Min jagħti hu aktar hieni minn min jieħu.' "

36Kif temm jgħid dan, niżel għarkubbtejh jitlob magħhom ilkoll.

37Imbagħad infexxew ilkoll f'bikja kbira u bdew jgħannqu lil Pawlu u jbusuh.

38L-aktar li ħassew għax qalilhom li qatt aktar ma kienu se jerġgħu jaraw wiċċu.
Imbagħad wassluh sal-ġifen.

## Atti tal-Appostli 21

### Il-vjaġġ ta' Pawlu lejn Ġerusalemm

1Meta nfridna minnhom, qlajna 'l barra u bqajna sejrin dritt lejn Kos; l-għada wasalna Rodi, u minn hemm morna Patara.

2Sibna ġifen sejjer lejn il-Feniċja, tlajna fuqu u tlaqna.

3Ilmaħna 'l Ċipru u ħallejnieh fuq in-naħa tax-xellug; bqajna sejrin lejn is-Sirja u nżilna Tir, għax hemm il-ġifen kellu jħott it-tagħbija.

4Hawnhekk sibna d-dixxipli u bqajna hemm sebat ijiem; dawn, imnebbħin mill-Ispirtu s-Santu, qalu lil Pawlu biex ma jitlax Ġerusalemm.

5Imma meta għaddew dawk il-jiem, aħna u telqin minn hemm, ġew huma lkoll, bin-nisa u t-tfal tagħhom, biex iwassluna sa barra l-belt. Imbagħad ilkoll inżilna għarkubbtejna f'xatt il-baħar u tlabna;

6sellimna lil xulxin, aħna tlajna fuq il-ġifen, u huma reġgħu lura lejn djarhom.

7Komplejna l-vjaġġ bil-baħar u minn Tir wasalna Ptolemajs; sellimna lill-aħwa u għaddejna ġurnata magħhom.

8L-għada tlaqna u morna Ċesarija; dħalna fid-dar ta' Filippu l-evanġelista, wieħed mis-Sebgħa u qgħadna għandu.

9Dan kellu erba' xebbiet, li kellhom id-don tal-profezija.

10Wara li konna ilna hemm għal ħafna jiem, niżel mil-Lhudija wieħed profeta, jismu Agabu,


© 2020 Malta Bible Society.

11ġie għandna, qabad il-ħżiem ta' Pawlu, rabat bih riġlejh u idejh u qal: "Dan
jgħid l-Ispirtu s-Santu: Hekk għad jorbtuh il-Lhud f'Ġerusalemm lir-raġel li
tiegħu hu dan il-ħżiem, u jagħtuh f'idejn il-pagani."

12Malli smajna dan, aħna u n-nies tal-post bdejna nitolbuh minn qalbna biex ma
jitlax Ġerusalemm.

13Imma Pawlu wieġeb: "Għalfejn qegħdin tibku u tiksruli qalbi? Jien lest biex,
għall-isem tal-Mulej Ġesù, mhux biss jorbtuni f'Ġerusalemm, imma wkoll
jagħtuni l-mewt."

14Billi ma ried jisma' b'xejn, aħna skitna u għedna biss: "Tkun magħmula r-rieda
tal-Mulej!"

15Wara dawn il-jiem lestejna kollox u tlajna Ġerusalemm.

16Ġew magħna xi dixxipli minn Ċesarija u ħaduna noqogħdu għand Mnason,
raġel minn Ċipru u wieħed mill-ewwel dixxipli.

### Pawlu jżur lil Ġakbu

17Meta wasalna Ġerusalemm, l-aħwa laqgħuna bil-ferħ.

18L-għada Pawlu mar magħna għand Ġakbu u kien hemm il-presbiteri kollha.

19Pawlu sellmilhom u għarrafhom ħaġa b'ħaġa b'dak kollu li Alla kien għamel
fost il-pagani permezz tal-ministeru tiegħu.

20Meta semgħu dan, bdew ifaħħru lil Alla. Imbagħad qalulu: "Qiegħed tara, ħi,
kemm eluf ta' Lhud emmnu? U dawn kollha għadhom imħeġġa għal-Liġi.

21Huma semgħu li int qiegħed tgħallem lil-Lhud li qegħdin fost il-pagani biex
jinfirdu minn Mosè, u tgħidilhom biex ma jagħmlux iċ-ċirkonċiżjoni lil uliedhom
u anqas ma jimxu skont id-drawwiet tagħhom.

22Issa x'se nagħmlu? Għax, hekk jew hekk, jisimgħu li ġejt hawn.

23Għalhekk agħmel kif se ngħidulek aħna. Għandna magħna erbat irġiel li
għamlu wegħda;

24ħudhom u mur issieħeb magħhom għall-purifikazzjoni, u ħallsilhom biex
iqaxxru rashom. Hekk kulħadd isir jaf li ma hemm xejn minn dak li semgħu
fuqek, imma li int stess qiegħed timxi skont il-Liġi u tħarisha.

25Imbagħad dwar il-pagani li emmnu, aħna ktibnielhom li d-deċiżjoni tagħna hi
li huma għandhom iħarsu rwieħhom mill-ikel issagrifikat lill-idoli, mid-demm,
mil-laħam tal-annimali fgati u miż-żwieġ ħażin."

26L-għada mela Pawlu ħa miegħu dawk l-irġiel u, wara li temmew flimkien ir-
rit tal-purifikazzjoni, daħal fit-tempju biex javża li billi kien għalaq iż-żmien tal-
purifikazzjoni, kellu jagħti l-offerta għal kull wieħed minnhom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

### Pawlu arrestat fit-tempju

27Is-sebat ijiem kienu waslu fl-aħħar, meta l-Lhud tal-Asja rawh fit-tempju, xewxu l-poplu kollu, meddew idejhom fuqu

28u bdew jgħajtu: "Nies ta' Iżrael, agħtuna l-għajnuna! Dan hu r-raġel li qiegħed jgħallem lil kulħadd u kullimkien kontra l-poplu tagħna, kontra l-Liġi u kontra dan il-post! Sa wasal ukoll biex idaħħal il-Griegi fit-tempju u niġġes dan il-post qaddis!"

29Għax billi qabel kienu raw lil Trofimu ta' Efesu miegħu fil-belt, ħasbu li Pawlu kien daħħlu fit-tempju.

30Imbagħad il-belt kollha tqanqlet u n-nies inġabret minn kullimkien; qabdu lil Pawlu, kaxkruh 'il barra mit-tempju u għalqu malajr il-bibien.

31Fittxew li joqtluh, imma l-aħbar waslet għand il-fizzjal kmandant li Ġerusalemm kollha kienet rewwixta waħda.

32Dan malajr ħa miegħu xi suldati u ċenturjuni u niżel jiġri fuqhom; huma, malli raw il-fizzjal u s-suldati, ma baqgħux isawtu lil Pawlu iżjed.

33Il-fizzjal resaq lejh, qabdu u ordna li jorbtuh b'żewġ ktajjen; imbagħad staqsa min kien u x'kien għamel.

34Il-folla bdiet tgħajjat, min ħaġa u min oħra. Billi minħabba l-għajjat ma setax jifhem sewwa x'kien ġara, ordna li jieħdu lil Pawlu fil-fortizza.

35Xħin waslu f'ras it-taraġ, kellhom jerfgħuh is-suldati minħabba l-qilla tal-poplu;

36għax ġemgħa kbira ta' nies kienet miexja warajh u tgħajjat: "Oqtluh!"

### Id-difiża ta' Pawlu

37Huma u deħlin bih fil-fortizza, Pawlu qal lill-fizzjal: "Nista' ngħidlek kelma?" Dan qallu: "Mela int taf bil-Grieg?

38Jaqaw int dak l-Eġizzjan li dan l-aħħar qajjem rewwixta u ħa miegħu fid-deżert erbat elef raġel ta' qattagħni?"

39Pawlu wieġeb: "Jiena Lhudi, minn Tarsu taċ-Ċiliċja, ċittadin ta' belt magħrufa. Nitolbok tħallini nkellem lill-poplu."

40Il-fizzjal ħallieh; u Pawlu, wieqaf f'ras it-taraġ, għamel sinjal b'idu lill-poplu. Waqa' skiet kbir; u hu mbagħad beda jkellimhom bil-Lhudi.

## Atti tal-Appostli 22

1"Ħbieb, l-aħwa u missirijieti, issa isimgħu d-difiża tiegħi quddiemkom."


© 2020 Malta Bible Society.

2Malli semgħuh ikellimhom bil-Lhudi, aktar qagħdu bi kwiethom. U hu ssokta jgħid:

3"Jiena Lhudi; twelidt f'Tarsu taċ-Ċiliċja, imma trabbejt f'din il-belt f'riġlejn Gamaljel u tħarriġt bir-reqqa fil-ħarsien tal-Liġi ta' missirijietna; jien mimli ħeġġa għal Alla, kif ukoll intom ilkoll illum.

4Jien ħadtha sal-mewt kontra min qabad din it-Triq tal-Mulej, u rbatt u tfajt il-ħabs irġiel u nisa,

5kif jista' jixhidli l-qassis il-kbir u l-Kunsill kollu tax-xjuħ. Kien mingħandhom li jien ħadt ittri għal ħutna, u mort Damasku biex lil dawk ukoll li kienu hemm inġibhom marbutin Ġerusalemm u jkunu kkastigati.

### Pawlu jirrakkonta l-konverżjoni tiegħu

(Atti 9,1-9; 26,12-18)

6"Imma jien u sejjer, kif kont qrib Damasku, f'daqqa waħda għall-ħabta ta' nofsinhar dawl kbir mis-sema idda madwari.

7Waqajt mal-art, u smajt leħen jgħidli, 'Sawl, Sawl, għaliex qiegħed tippersegwitani?'

8Jien weġibt, 'Min int, Mulej?' U hu qalli, 'Jien Ġesù ta' Nazaret, li int qiegħed tippersegwitah.'

9Dawk li kienu miegħi raw id-dawl, imma ma semgħux il-leħen ta' min kien ikellimni.

10Imbagħad jien għedt, 'X'għandi nagħmel, Mulej?' U l-Mulej qalli, 'Qum u mur Damasku. Hemm jgħidulek kulma għandek tagħmel.'

11Billi ma stajtx nara minħabba d-dija ta' dak id-dawl, mexxewni minn idi dawk li kienu miegħi, u hekk wasalt Damasku.

12"Hemmhekk kien hemm wieħed, jismu Ħananija, raġel sewwa skont il-Liġi, li kellu fama tajba mal-Lhud li kienu joqogħdu hemm;

13ġie għandi, resaq fuqi u qalli, 'Sawl, ħija, ħu d-dawl.' Dak il-ħin stess bdejt nara u nħares lejh.

14Imbagħad hu qalli, 'Alla ta' missirijietna għażlek biex tagħraf ir-rieda tiegħu, tara lil dak li hu l-Ġust u tisimgħu jkellmek b'fommu stess.

15Għax int għad trid tixhed għalih quddiem il-bnedmin kollha fuq dak li rajt u smajt.

16U issa x'int tistenna? Qum! Tgħammed u nħall minn dnubietek, int u ssejjaħ ismu.'

### Pawlu msejjaħ biex jippriedka lill-pagani


© 2020 Malta Bible Society.

17“Erġajt lura lejn Ġerusalemm, u waqt li darba kont qiegħed nitlob fit-tempju,
dħalt f’estasi.

18Rajt lill-Mulej u qalli, ‘Fittex oħroġ malajr minn Ġerusalemm, għax mhumiex
se jilqgħu x-xhieda tiegħek għalija.’

19Jiena weġibt, ‘Mulej, huma jafu li jien kont immur minn sinagoga għal oħra
nitfa’ l-ħabs u nsawwat lil dawk li jemmnu fik.

20U meta kienu qegħdin ixerrdu d-demm ta’ Stiefnu, ix-xhud tiegħek, jien ukoll
kont hemm u qbilt magħhom u qgħadt għassa tal-ħwejjeġ ta’ dawk li kienu
qegħdin iħaġġruh.’

21Imma hu qalli, ‘Mur, għax jien se nibagħtek ’il bogħod, fost il-pagani.’ ”

### Pawlu u l-fizzjal Ruman

22Sa hawn qagħdu jisimgħuh. Imbagħad qabdu jgħajtu u jgħidu: “Eqirduh mid-
dinja, bniedem bħal dan! Ma ħaqqux jgħix!”

23Bdew jgħajtu, ixejru ħwejjiġhom u jwaddbu t-trab fl-ajru.

24Il-fizzjal ordna li jdaħħlu lil Pawlu fil-fortizza u jagħtuh is-swat, ħalli b’hekk
jistħarrġu u jsir jaf mingħandu l-għala kienu qegħdin jgħajtu kontra tiegħu.

25Xħin rabtuh biex isawtuh Pawlu qal liċ-ċenturjun li kien wieqaf ħdejh:
“Tistgħu ssawtu ċittadin Ruman bla ma jsir ħaqq minnu?”

26Malli ċ-ċenturjun sama’ dan, mar għand il-fizzjal jagħtih din l-aħbar u qallu:
“Hemm x’se tagħmel? Dan ir-raġel ċittadin Ruman!”

27Il-fizzjal mar ħdejn Pawlu u staqsieh: “Għidli: int ċittadin Ruman?” Wieġbu:
“Iva.”

28Il-fizzjal qallu: “Biex jien ksibt din iċ-ċittadinanza kelli nħallas somma kbira.”
U Pawlu qallu: “U jien twelidt hekk.”

29Għalhekk dawk li kienu se jistħarrġuh bis-swat warrbu malajr minn ħdejh; u
l-fizzjal stess beża’ meta sar jaf li kien ċittadin Ruman u li kien rabtu bil-ktajjen.

### Pawlu quddiem is-Sinedriju

30Billi ried jaf sewwa biex kienu qegħdin jakkużawh il-Lhud, l-għada ħallu mill-
irbit u ordna li jiltaqgħu l-qassisin il-kbar u s-Sinedriju kollu; imbagħad bagħat
iġib lil Pawlu u ressqu quddiemhom.

## Atti tal-Appostli 23

1Pawlu ta ħarsa lejn is-Sinedriju u qal: “ L-aħwa, jien sallum imxejt quddiem
Alla b’kuxjenza safja għalkollox.”

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

2Imma Ħananija, il-qassis il-kbir, ordna lil dawk li kienu ħdejh biex jagħtuh daqqa fuq ħalqu.

3Imbagħad Pawlu qallu: "Din id-daqqa Alla għad jagħtiha lilek, ja ħajt imbajjad! Int, li qiegħed hemm biex tagħmel ħaqq minni skont il-Liġi, tordna li niġi msawat kontra l-Liġi?"

4Dawk li kienu ħdejh qalulu: "Int hekk tkasbru lill-qassis il-kbir ta' Alla?"

5Pawlu wieġeb: "Ma kontx naf, l-aħwa, li hu l-qassis il-kbir; għax hemm miktub, 'Tgħidx il-ħażin fuq il-kap tal-poplu tiegħek.' "

6Issa Pawlu kien jaf li xi wħud kienu min-naħa tas-Sadduċej u oħrajn min-naħa tal-Fariżej. Għalhekk għajjat fis-Sinedriju: "L-aħwa, jien Fariżew u bin il-Fariżej; hu għalhekk li qiegħed isir ħaqq minni, minħabba t-tama fil-qawmien minn bejn l-imwiet."

7Kif qal hekk, qamet tilwima bejn il-Fariżej u s-Sadduċej, u l-ġemgħa nqasmet.

8Għax is-Sadduċej jgħidu li la hemm qawmien minn bejn l-imwiet, la anġli u lanqas spirti; waqt li l-Fariżej jistqarru dan kollu.

9Imbagħad qam storbju kbir; xi kittieba tan-naħa tal-Fariżej qamu u bdew jeħduha bil-qawwa kollha mal-oħrajn u jgħidu: "Aħna ma nsibu xejn ħażin f'dan il-bniedem. Min jaf kellmux xi spirtu jew anġlu?"

10It-tilwim aktar kiber, u għalhekk il-fizzjal, billi beża' li se jtertqu lil Pawlu, ordna lis-suldati jinżlu jaħtfuh minn nofshom u jeħduh il-fortizza.

11Fil-lejl ta' wara, il-Mulej deherlu u qallu: "Agħmel il-qalb! Kif tajt xhieda għalija f'Ġerusalemm, hekk ukoll jeħtieġ li tagħti xhieda f'Ruma."

## Komplott biex joqtlu lil Pawlu

12Xħin sebaħ, il-Lhud iltaqgħu bejniethom u ħalfu li la jieklu u lanqas jixorbu qabel ma joqtlu lil Pawlu.

13Kienu aktar minn erbgħin dawk li għamlu dan il-komplott.

14Marru għand il-qassisin il-kbar u għand ix-xjuħ u qalulhom: "Aħna ħlifna fuq li ħlifna li ma nduqu xejn qabel ma noqtlu lil Pawlu.

15Mela issa, intom ftiehmu mas-Sinedriju, u għidu lill-fizzjal biex iniżżlu għandkom bl-iskuża li tridu tistħarrġu l-każ tiegħu aktar bir-reqqa; aħna mbagħad lesti biex noqtluh qabel ma jasal."

16Imma t-tifel ta' oħt Pawlu sama' bin-nasba tagħhom. Mar il-fortizza, daħal u għarraf lil Pawlu.

17Għalhekk Pawlu sejjaħ wieħed miċ-ċenturjuni u qallu: "Ħu lil dan iż-żagħżugħ għand il-fizzjal, għax għandu xi ħaġa xi jgħidlu."


© 2020 Malta Bible Society.

18Dak ħadu miegħu għand il-fizzjal u qallu: "Pawlu, il-priġunier, sejjaħli u
talabni biex inġib quddiemek lil dan iż-żagħżugħ, għax għandu xi ħaġa xi
jgħidlek."

19Il-fizzjal qabad iż-żagħżugħ minn idu, ħadu fil-ġenb u staqsieh: "X'għandek xi
tgħidli?"

20Iż-żagħżugħ wieġeb: "Il-Lhud ftiehmu bejniethom li jitolbuk biex għada
tniżżel lil Pawlu quddiem is-Sinedriju, bl-iskuża li jridu jistħarrġu l-każ tiegħu
aktar bir-reqqa.

21Iżda int temminhomx. Hemm aktar minn erbgħin wieħed minnhom għassa
għalih, għax ħalfu li la jieklu u lanqas jixorbu qabel ma joqtluh; issa huma lesti
u qegħdin jistennew il-kelma tiegħek."

22Imbagħad il-fizzjal bagħat iż-żagħżugħ u wissieh: "Tgħid lil ħadd li għedtli
b'dan."

**Pawlu mibgħut għand il-gvernatur Feliċ**

23Imbagħad sejjaħ żewġ ċenturjuni u qalilhom: "Lestu mitejn suldat biex
imorru Ċesarija, u sebgħin kavallier u mitejn suldat ieħor bil-lanza, biex jitilqu
fid-disgħa ta' billejl.

24U aħsbu wkoll għall-bhejjem biex trikkbu lil Pawlu u twassluh qawwi u sħiħ
għand Feliċ, il-gvernatur."

25U kiteb ittra b'dan li ġej:

26"Klawdju Lisja lill-eċċellenza tiegħu l-gvernatur Feliċ. Is-sliem!

27Dan ir-raġel qabduh il-Lhud u kienu se joqtluh. Jien mort bis-suldati u ħlistu
minn taħt idejhom, għax sirt naf li hu ċittadin Ruman.

28Billi ridt inkun naf sewwa l-għala kienu qegħdin jixluh, niżżiltu quddiem is-
Sinedriju tagħhom,

29u sibt li kienu qegħdin jixluh fuq xi kwistjonijiet tal-liġi tagħhom, imma li ma
hemm xejn li jistħoqqlu l-mewt jew il-ktajjen.

30Billi qaluli li kien hemm komplott kontra tiegħu min-naħa tagħhom, jiena
bgħattu għandek, u lil dawk li xlewh għedtilhom biex jgħidu lilek x'għandhom
kontra tiegħu."

31Is-suldati ħadu lil Pawlu skont l-ordni li kellhom u wassluh billejl sa
Antipatris.

32L-għada ħallewh f'idejn il-kavallerija biex jibqgħu sejrin bih, u huma reġgħu
lura lejn il-fortizza.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

33L-oħrajn, xħin waslu Ċesarija, taw l-ittra lill-gvernatur u ġiebu lil Pawlu quddiemu.

34Il-gvernatur qara l-ittra u staqsa minn liema provinċja kien. Kif sar jaf li kien miċ-Ċiliċja,

35qallu: "Nisimgħek sewwa meta jiġu jixluk hawnhekk." Imbagħad ordna li jeħduh l-għassa fil-pretorju ta' Erodi.

## Atti tal-Appostli 24

### L-akkuża kontra Pawlu

1Hamest ijiem wara niżel il-qassis il-kbir Hananija ma' xi wħud mix-xjuħ u ma' ċertu avukat jismu Tertullu, u ressqu l-każ tagħhom kontra Pawlu quddiem il-gvernatur.

2Meta l-gvernatur sejjaħ lil Pawlu, Tertullu beda jakkużah u jgħid lil Feliċ: "Eċċellenza, bis-saħħa tiegħek aħna qegħdin ingawdu paċi kbira, u bil-għaqal tiegħek sar ħafna tibdil għall-aħjar ta' dan il-poplu.

3Dan kollu aħna nilqgħuh minn qalbna, għalkollox u kullimkien, u nibqgħu nafuhulek sewwa.

4Imma, biex ma ndewmekx ħafna, nitolbok tismagħna fil-qosor b'dik it-tjieba tiegħek.

5Għax aħna sibna li dan ir-raġel hu bniedem mill-agħar, u li qiegħed iqajjem it-tixwix fost il-Lhud kollha mxerrda mad-dinja u hu wieħed mill-mexxejja tas-setta tan-Nazarin.

6Saħansitra fittex li jkasbar it-tempju; imma aħna qbadnieh.

8Int stess tista' tistaqsih biex tkun taf mingħandu wkoll fuqiex qegħdin nakkużawh."

9Il-Lhud ukoll qablu miegħu u bdew jgħidu li l-fatt kien hekk tassew.

### Id-difiża ta' Pawlu quddiem Feliċ

10Il-gvernatur għamillu sinjal biex jitkellem u Pawlu wieġeb: "Jiena naf li int ilek għal ħafna snin tiggverna lil dan il-poplu; għalhekk nagħmel il-qalb u niddefendi l-kawża tiegħi.

11Kif int tista' tkun taf, ma ilix aktar minn tnax-il jum li tlajt Ġerusalemm biex nagħti qima fit-tempju;

12u l-Lhud ma sabuni niddiskuti ma' ħadd, anqas ma sabuni nxewwex lill-poplu, la fit-tempju, la fis-sinagogi u lanqas fil-belt.

13Anqas ma jistgħu jippruvawlek l-akkużi li qegħdin iġibu kontrija.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

14Jien dan nistqarrlek; skont it-Triq tal-Mulej, li huma jgħidulha setta, jiena naqdi lil Alla ta' missirijietna u nemmen dak kollu li hemm fil-Liġi u l-Profeti,

15waqt li nittama f'Alla - kif jittamaw dawn ukoll - li kemm it-tajbin u kemm il-ħżiena għad iqumu minn bejn l-imwiet.

16Għalhekk jien ukoll dejjem nitħabat biex ngħix b'kuxjenza nadifa quddiem Alla u quddiem il-bnedmin.

17Wara ħafna snin, ġejt bl-offerti tal-karità għall-poplu tiegħi, u ġibt miegħi l-offerti tas-sagrifiċċju wkoll.

18Hekk sabuni fit-tempju, waqt ir-rit tal-purifikazzjoni tiegħi, u la ma' xi ġemgħa nies u lanqas f'xi rewwixta.

19Kienu xi Lhud mill-Asja li sabuni, u jmisshom qegħdin hawn quddiemek biex jixluni, jekk għandhom xi ħaġa kontra tiegħi.

20Halli jgħidu dawn stess ta' xiex sabuni ħati meta dhert quddiem s-Sinedriju!

21Ħaġa waħda jistgħu jgħidu fija: li jien, meta dhert quddiemhom, għajjatt, 'Minħabba l-qawmien mill-imwiet qegħdin tagħmlu ħaqq minni llum.' "

22Feliċ, li kellu tagħrif sewwa ħafna dwar it-Triq tal-Mulej, ħalliehom għal darb' oħra u qalilhom: "Meta jinżel Lisja, il-fizzjal, nara sewwa l-każ tagħkom."

23Imbagħad qal liċ-ċenturjun biex iżomm lil Pawlu u jagħmillu l-għassa; imma jagħtih ukoll ftit tal-libertà u ma jżomm lil ħadd minn ħbiebu milli jersqu jgħinuh.

24Ftit jiem wara ġie Feliċ ma' martu Drusilla, li kienet Lhudija. Bagħat għal Pawlu u qagħad jisimgħu jitkellem fuq il-fidi f'Ġesù Kristu.

25Pawlu beda jiddiskuti miegħu fuq il-ġustizzja, fuq it-trażżin tal-passjonijiet u fuq il-ġudizzju li għad irid jiġi. Feliċ beda jibża', u qallu: "Għalissa mur; meta nkun nista', nibgħat għalik."

26Fl-istess ħin kien qiegħed jistenna li Pawlu jagħtih xi flus; għalhekk sikwit kien jibgħat għalih u joqgħod jitħaddet miegħu.

27Għaddew sentejn, u Porċjus Festu laħaq flok Feliċ. Imma biex jogħġob lil-Lhud, Feliċ ħalla lil Pawlu fil-ħabs.

## Atti tal-Appostli 25

### Pawlu jappella għal quddiem Ċesari

1Tlitt ijiem wara li wasal fil-provinċja tiegħu, Festu tala' Ġerusalemm minn Ċesarija.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

2Il-qassisin il-kbar u l-kbarat tal-Lhud resqu quddiemu biex jakkużaw lil Pawlu
u bdew jitolbuh ħafna

3biex jagħmlilhom pjaċir u jibgħathulhom Ġerusalemm, għax kienu għamlu
komplott li joqtluh fit-triq.

4Imma Festu weġibhom li Pawlu kellu jibqa' fil-ħabs f'Ċesarija għax hu stess
kellu jmur hemm malajr.

5U żied jgħidilhom: "Dawk fostkom li għandhom xi awtorità jinżlu miegħi, u
jekk dan ir-raġel għandu xi ħtija jakkużawh."

6Wara li qagħad magħhom mhux aktar minn tmienja jew għaxart ijiem, Festu
niżel Ċesarija. L-għada ħa postu fit-tribunal u bagħat iġib lil Pawlu.

7Kif wasal hemm, il-Lhud li kienu niżlu minn Ġerusalemm daru miegħu u bdew
iġibu kontra tiegħu ħafna akkużi kbar bla ma kellhom ħila jippruvawhom.

8Pawlu ddefenda ruħu u qal: "Jien ma nqast xejn, la kontra l-liġi tal-Lhud, la
kontra t-tempju u lanqas kontra Ċesari."

9Imma billi Festu ried jogħġob lil-Lhud, qal lil Pawlu: "Tridx titla' Ġerusalemm,
u hemm isir ħaqq minnek quddiemi?"

10Pawlu wieġbu: "Jien ninsab quddiem il-qorti ta' Ċesari; hawn għandu jsir
ħaqq minni. Jien lil-Lhud ma għamiltilhom xejn ħażin, kif inti stess taf sewwa.

11Jekk imbagħad jiena ħati, jekk għamilt xi ħaġa li għaliha tistħoqqli l-mewt, ma
nfittixx li naħrab mill-mewt. Imma jekk ma hemm xejn minn dak li fuqu qegħdin
jixluni, ħadd ma jista' jerħini f'idejhom. Nappella għal quddiem Ċesari!"

12Imbagħad Festu, wara li tkellem mal-kunsill tiegħu qallu: "Int appellajt għal
quddiem Ċesari, u quddiem Ċesari tmur."

### Pawlu quddiem Agrippa u Bereniċi

13Ftit jiem wara, is-sultan Agrippa u Bereniċi waslu Ċesarija biex jagħtu l-
merħba lil Festu.

14Billi damu hemm ħafna, Festu tkellem mas-sultan fuq il-każ ta' Pawlu u qallu:
"Hawn raġel li Feliċ kien ħallieh il-ħabs.

15Meta kont Ġerusalemm, il-qassisin il-kbar u x-xjuħ tal-Lhud ressquli xi akkużi
kontra tiegħu u talbuni nikkundannah.

16Jien weġibthom li r-Rumani mhumiex imdorrija jibagħtu għall-mewt
bniedem akkużat b'xi ħtija, qabel ma jġibu lill-akkużat quddiem dawk li jkunu
akkużawh biex ikun jista' jiddefendi ruħu mill-akkuża li tkun saritlu.

17Imbagħad ġew hawn miegħi, u l-għada, bla telf ta' żmien, jien ħadt posti fit-
tribunal u bgħatt inġib lil dan il-bniedem.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

18Dawk li akkużawh kienu hemm, iżda ma ġiebu ebda akkuża milli stennejthom iġibu kontra tiegħu.

19Kellhom biss xi kwistjonijiet miegħu dwar ir-reliġjon tagħhom u dwar ċertu Ġesù, li hu mejjet, imma Pawlu jgħid li hu ħaj.

20Billi ma stajtx insib tarf ta' din il-kwistjoni, staqsejtu jekk iridx imur Ġerusalemm u hemm isir ħaqq minnu fuq dan.

21Imma Pawlu appella biex jibqa' miżmum sakemm il-kawża tiegħu jaqtagħha l-imperatur Awgustu. Jien għalhekk ordnajt li jinżamm sakemm inkun nista' nibagħtu għand Ċesari."

22Agrippa qal lil Festu: "Irrid nisma' lil dan ir-raġel jien ukoll." "Għada tisimgħu," qallu Festu.

23L-għada Agrippa u Bereniċi ġew bis-solennità kollha; daħlu fis-sala tal-udjenza mat-tribuni u l-kbarat tal-belt; u Festu ordna li jġibu lil Pawlu.

24Imbagħad Festu qal: "Sultan Agrippa u intom ilkoll li qegħdin hawn magħna, qegħdin taraw lil dan ir-raġel li fuqu l-kotra tal-Lhud, kemm f'Ġerusalemm u kemm hawn, ġiet għandi titlobni u tgħajjat li ma għandux jibqa' aktar ħaj.

25Jiena rajt li ma għamel xejn biex jistħoqqlu l-mewt; imma, billi hu stess appella għal quddiem l-imperatur Awgustu, qtajtha li nibagħtu għandu.

26Ma għandi xejn ċert x'nikteb lil sidi l-imperatur fuqu, għalhekk ġibtu quddiemkom, u l-aktar quddiemek, sultan Agrippa, biex bl-istħarriġ li jsirlu nsib xi ħaġa x'nikteb.

27Għax jidhirli li mhijiex ħaġa flokha nibgħat priġunier bla ma ngħid x'hemm kontra tiegħu."

## Atti tal-Appostli 26

### Id-difiża ta' Pawlu quddiem Agrippa

1Agrippa qal lil Pawlu: "Tista' titkellem u tiddefendi ruħek." Pawlu medd idu u beda jiddefendi l-kawża tiegħu:

2"Inħossni hieni, sultan Agrippa, li llum se niddefendi ruħi quddiemek mill-akkużi kollha li l-Lhud qegħdin iġibu kontra tiegħi,

3l-aktar għax int taf id-drawwiet u l-kwistjonijiet kollha tal-Lhud. Għalhekk nitolbok tismagħni bis-sabar.

4X'kienet ħajti sa minn żgħożiti, kif għaddejtha sa mill-bidu fost il-poplu tiegħi f'Ġerusalemm, jafuh il-Lhud kollha.


© 2020 Malta Bible Society.

[5]Huma ilhom jafu ħafna, jekk iridu jixhdu, kif jien għext ta' Fariżew, skont issetta l-aktar iebsa tar-reliġjon tagħna.

[6]U issa wkoll jien qiegħed hawn biex isir ħaqq minni minħabba t-tama li għandi fil-wegħda li Alla għamel lil missirijietna,

[7]u li t-tnax-il tribù tagħna qegħdin jistennewha sseħħ waqt li bla heda jagħtu qima lil Alla lejl u nhar. Hu fuq din it-tama, sultan, li l-Lhud qegħdin jakkużawni.

[8]Għaliex ma għandux jitwemmen fostkom li Alla jqajjem il-mejtin?

[9]"Jien ukoll deherli li kelli nagħmel minn kollox kontra l-isem ta' Ġesù ta' Nazaret.

[10]U hekk għamilt f'Ġerusalemm, u bis-setgħa li tawni l-qassisin il-kbar, jien tfajt fil-ħabs ħafna mill-qaddisin, u, meta kienu jaqtgħuhielhom għall-mewt, jien kont nagħti l-kunsens tiegħi.

[11]Bosta drabi wkoll kont naħqarhom fis-sinagogi kollha u kont nagħmel minn kollox biex inġagħalhom jiċħdu t-twemmin tagħhom u b'saħna liema bħalha kont nippersegwitahom sa fi bliet barranin.

### Pawlu jirrakkonta l-konverżjoni tiegħu

(Atti 9,1-9; 22,6-16)

[12]"Hekk, bis-setgħa u l-permess tal-qassisin il-kbar, tlaqt lejn Damasku.

[13]Jien u sejjer, f'nofsinhar, sultan, rajt dawl, aqwa mid-dija tax-xemx, ġej missema u idda madwari u madwar dawk li kienu fit-triq miegħi.

[14]Waqajna lkoll fl-art, u jien smajt leħen jgħidli bl-ilsien Lhudi, 'Sawl, Sawl, għaliex qiegħed tippersegwitani? Iebsa għalik li teħodha kontra n-niggieża!'

[15]Jien weġibt, 'Min int, Mulej?' U l-Mulej qalli, 'Jien Ġesù li int qiegħed tippersegwitah.

[16]Imma qum u ieqaf fuq riġlejk. Għax jien għalhekk dhertlek, biex nagħmlek ministru u xhud tad-dehra li fiha rajtni u ta' dawk li fihom għad nidhirlek.

[17]Neħilsek mill-poplu u mill-ġnus pagani li għandhom qiegħed nibagħtek,

[18]biex tiftħilhom għajnejhom ħalli jerġgħu lura mid-dlam għad-dawl u missetgħa tax-xitan u jduru lejn Alla, u bil-fidi tagħhom fija jiksbu l-maħfra taddnubiet u jkollhom sehem ma' dawk li huma kkonsagrati lil Alla.'

[19]"Għalhekk, sultan Agrippa, jien ma webbistx rasi għad-dehra tas-sema.

[20]Imma kont inxandar, l-ewwel lil-Lhud ta' Damasku, imbagħad lil dawk ta' Ġerusalemm u tal-art kollha tal-Lhudija, u lill-pagani wkoll, li għandhom jindmu u jduru lejn Alla, billi jagħmlu opri xierqa ta' ndiema.

[21]Minħabba f'hekk il-Lhud qabduni fit-Tempju u riedu joqtluni.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

22Bl-għajnuna li kelli mingħand Alla jien bqajt sa dan il-jum nixhed liż-żgħar u
lill-kbar, u ma ngħidx ħaġa oħra ħlief dak li l-Profeti u Mosè qalu li kellu jsir,

23jiġifieri, li l-Messija kellu jbati u jkun l-ewwel wieħed li jqum mill-imwiet, u
jħabbar id-dawl kemm lill-poplu ta' Iżrael u kemm lill-pagani."

### Pawlu jħajjar lil Agrippa biex jemmen

24Wara li Pawlu għamel din id-difiża tiegħu nnifsu, Festu għolla leħnu u qallu:
"Int miġnun, Pawlu! L-għerf kbir tiegħek qiegħed iġennek!"

25Pawlu wieġeb: "Eċċellenza, Festu, jien m'iniex miġnun, imma qiegħed ngħid
is-sewwa u nitkellem bil-għaqal.

26Is-sultan, li miegħu qiegħed nitkellem bil-libertà kollha, jaf sewwa dan kollu;
għax għandi nifhem li xejn minn dan kollu ma hu moħbi għalih, ladarba dan ma
sarx fil-moħbi.

27Temmen int, sultan Agrippa, fil-Profeti? Jien naf li temmen."

28Imbagħad Agrippa qal lil Pawlu: "Ftit jonqsok biex tipperswadini u tagħmilni
nisrani!"

29Pawlu wieġeb: "Nitlob 'l Alla li, bil-ftit jew bil-wisq, mhux inti biss, imma dawk
kollha li llum qegħdin jisimgħuni jkunu bħali, barra mill-irbit ta' dawn il-
ktajjen."

30Imbagħad is-sultan, il-gvernatur, Bereniċi u dawk kollha li kienu bilqiegħda
miegħu qamu.

31Huma u sejrin, bdew jgħidu wieħed lill-ieħor: "Dan ir-raġel ma għamel xejn li
jistħoqqlu l-mewt jew il-ktajjen."

32U Agrippa qal lil Festu: "Li ma appellax għal quddiem Ċesari lil dan ir-raġel
kont tista' titilqu."

## Atti tal-Appostli 27

### Il-vjaġġ ta' Pawlu għal Ruma

1Meta qatgħuha li kellna nitilqu għall-Italja, ħallew lil Pawlu u 'l xi ħabsin oħra
f'idejn ċenturjun tar-riġment tal-imperatur, jismu Ġulju.

2Tlajna fuq ġifen ta' Adramitti, li kien se jitlaq għall-inħawi tal-Asja, u qlajna 'l
barra. Kellna magħna lil Aristarku minn Tessalonika tal-Maċedonja.

3L-għada wasalna Sidon. Ġulju mexa tajjeb ma' Pawlu, u ħallieh imur għand
ħbiebu biex jagħtuh li kellu bżonn.

4Tlaqna minn hemm u mxejna għall-irdoss ta' Ċipru, għax l-irjieħ kienu
kontrina.


© 2020 Malta Bible Society.

5Imbagħad qsamna l-baħar lejn in-naħa taċ-Ċiliċja u tal-Pamfilja u wasalna Mira f'Liċja.

6Hemm iċ-ċenturjun sab ġifen minn ta' Lixandra li kien sejjer l-Italja, u tellagħna fuqu.

7Għal ħafna jiem imxejna bil-mod, u bit-tbatija wasalna biswit Knidu. Billi l-irjieħ ma ħallewniex nersqu 'l ġewwa, għaddejna għall-irdoss ta' Kreta lejn in-naħa ta' Salmoni.

8Wara li mxejna magħha bit-tbatija, wasalna f'post, imsejjaħ il-Portijiet is-Sbieħ, li kien qrib il-belt ta' Lasaja.

9Kien għadda ħafna żmien u s-safar kien ġa sar perikoluż, għax Jum is-Sawm kien ġa għadda. Għalhekk Pawlu wissiehom

10u qalilhom: "Hbieb, qiegħed nara li s-safra se tkun ta' ħsara u telf kbir, mhux biss għat-tagħbija u l-ġifen, imma għal ħajjitna wkoll."

11Imma ċ-ċenturjun aktar qagħad għal dak li qallu l-kaptan u sid il-ġifen milli għal dak li qal Pawlu.

12Billi l-port ma kienx tajjeb biex ngħaddu x-xitwa fih, il-biċċa l-kbira kienu tal-fehma li naqilgħu 'l barra minn hemm biex forsi nkunu nistgħu naslu Feniċi, port ta' Kreta, li jħares lejn il-Lbiċ u l-Majjistral, u ngħaddu x-xitwa hemm.

### It-tempesta fil-baħar

13U billi qamet żiffa min-naħa tan-Nofsinhar, stħajlu li kienu se jilħqu l-ħsieb tagħhom. Refgħu l-ankra u mxew max-xatt ta' Kreta.

14Imma f'daqqa waħda qam riefnu qawwi, jgħidulu Grigal, u beda jonfoħ min-naħa tal-gżira.

15Il-ġifen inqabad u ma setax iżomm kontra r-riħ; u aħna ntlaqna għall-qawwa tar-riħ u ħallejnieh iġorrna.

16B'ġirja waħda għaddejna taħt ir-riħ ta' daqsxejn ta' gżira jisimha Kawda. Bilkemm stajna nżommu d-dgħajsa warajna,

17u għalhekk tellgħuha mill-baħar. Imbagħad qabdu l-armar u rabtu l-ġifen dawramejt biċ-ċimi, niżżlu l-qlugħ għax beżgħu li ninkaljaw fuq is-Sirti, u hekk ħallejna l-mewġ iġorrna miegħu.

18L-għada t-tempesta ħabbtitna ħafna, bdew iwaddbu t-tagħbija l-baħar,

19u fit-tielet jum irmew it-tagħmir tal-ġifen b'idejhom stess.

20Għal ħafna jiem la dehret xemx u lanqas kwiekeb; it-tempesta li qabditna ma kinitx ħafifa, hekk li fl-aħħar tlifna kull tama li nsalvaw.


© 2020 Malta Bible Society.

21In-nies kienu ilhom ħafna ma jieħdu xi ħaġa biex jitrejqu; Pawlu waqaf f'nofshom u qalilhom: "Ħbieb, kien imisskom smajtu minni u ma tlaqtux minn Kreta; kontu teħilsu minn din il-ħsara u dan it-telf.

22Imma issa nwissikom biex tagħmlu l-qalb, għax ħadd minnkom mhu se jitlef ħajtu; il-ġifen biss jintilef.

23Għax dal-lejl deherli anġlu ta' dak Alla li tiegħu jien u li lilu nqim,

24u qalli, 'Tibżax, Pawlu. Jeħtieġ li inti tidher quddiem Ċesari; ara, Alla tak il-grazzja li dawk kollha li qegħdin jivvjaġġjaw miegħek isalvaw.'

25Mela qawwu qalbkom, ħbieb. Jien nemmen f'Alla li hekk isir, sewwasew kif ħabbarli.

26Jinħtieġ iżda li naħbtu ma' gżira."

27Meta wasal l-erbatax-il lejl, konna ninsabu mitfugħin 'l hawn u 'l hemm fil-baħar ta' Adrija. Għall-ħabta ta' nofs il-lejl il-baħrin ħassew li konna resqin qrib xi art.

28Skandaljaw il-fond tal-baħar, u sabu għoxrin qama; imxejna ftit ieħor 'il quddiem, reġgħu skandaljaw, u sabu ħmistax.

29Huma beżgħu li xi mkien konna se naħbtu ma' xi skoll, u għalhekk niżżlu erba' ankri mill-poppa. Ix-xewqa tagħhom kienet li ma jdumx ma jisbaħ.

30Il-baħrin bdew ifittxu li jaħarbu mill-ġifen, u niżżlu dgħajsa l-baħar bħallikieku biex idendlu xi ankri mill-pruwa.

31Iżda Pawlu qal liċ-ċenturjun u lis-suldati: "Jekk dawn ma jibqgħux fuq il-ġifen, intom ma tistgħux issalvaw."

32Imbagħad is-suldati qaċċtu l-ħbula tad-dgħajsa u ħallewha tmur għal riħha.

33Meta sar il-ħin biex jisbaħ, Pawlu qabad jagħmel il-qalb lil kulħadd biex jitrejqu b'xi ħaġa, u qalilhom: "Issa ġa ilkom erbatax-il ġurnata tistennew sajmin u ma dduqu xejn.

34Għalhekk agħmlu l-qalb u trejqu b'xi ħaġa tal-ikel; dan jiswielkom għal saħħitkom, għax ħadd minnkom mhu se jitlef xagħra waħda minn rasu."

35Kif qal dan, qabad il-ħobż, radd il-ħajr lil Alla quddiem kulħadd, qasam u beda jiekol.

36Imbagħad kulħadd għamel il-qalb, u ħadu xi ħaġa tal-ikel huma wkoll.

37Konna b'kollox mitejn u sitta u sebgħin ruħ fuq il-ġifen.

38Wara li xebgħu, bdew iħeffu l-ġifen u jwaddbu l-qamħ il-baħar.

### In-nawfraġju ta' Pawlu f'Malta

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

39Xħin imbagħad sebaħ, l-art ma għarfuhiex; lemħu biss bajja bi xtajta fiha, u qatgħuha li, jekk jistgħu, jitfgħu l-ġifen fuqha.

40Irħew l-ankri u telquhom il-baħar, u ħallew ukoll l-irbit tat-tmun. Imbagħad tellgħu l-qala' ż-żgħir ta' quddiem għar-riħ u rħewlha lejn ix-xtajta.

41Iżda ħbatna ma' sikka bejn żewġ kurrenti, u l-baħrin waħħlu l-ġifen fuqha. Il-pruwa baqgħet imwaħħla sewwa fil-post u ma tħarrkitx iżjed, imma l-poppa bdiet titfarrak bil-qilla tal-mewġ.

42Is-suldati riedu kieku joqtlu l-priġunieri, li ma jmurx jaħrab xi ħadd minnhom bil-għawm;

43iżda ċ-ċenturjun, li ried isalva 'l Pawlu, ma ħalliex il-ħsieb tagħhom iseħħ. Lil dawk li kienu jafu jgħumu ordnalhom jintefgħu huma l-ewwel il-baħar u jmorru l-art;

44lill-oħrajn ordnalhom jilħqu x-xatt, min fuq twavel u min fuq bċejjeċ imkissra tal-ġifen. U hekk kulħadd qabad l-art qawwi u sħiħ.

## Atti tal-Appostli 28

### Pawlu f'Malta

1Meta ħlisna mill-għarqa, sirna nafu li l-gżira kien jisimha Malta.

2In-nies tagħha ġiebu ruħhom magħna bi ħlewwa liema bħalha. Laqgħuna tajjeb lilna lkoll u qabbdulna ħuġġieġa, għax kienet bdiet nieżla x-xita u kien il-bard.

3Mela Pawlu qabad qabda zkuk niexfa u tefagħhom fin-nar. Fiz-zkuk kien hemm lifgħa li, malli ħasset is-sħana, ħarġet u qabdet ma' id Pawlu.

4In-nies tal-gżira, kif raw il-lifgħa mdendla ma' idu, bdew jgħidu wieħed lil ieħor: "Dan ir-raġel żgur xi qattiel, għax għad li ħelisha mill-baħar, il-Ġustizzja ma ħallitux jgħix!"

5Imma hu farfar il-lifgħa ġon-nar u ma ġralu xejn.

6Huma stennew li se jarawh jintefaħ jew jaqa' u jmut f'daqqa. Wara li damu jistennew ħafna u raw li ma ġralu ebda deni, biddlu l-ħsieb u bdew jgħidu li kien xi alla.

7F'dawk l-inħawi kien hemm l-oqsma tal-prinċep tal-gżira, li kien jismu Publju. Dan laqagħna u bil-qalb kollha żammna għandu tlitt ijiem.

8Missier Publju inzerta mixħut, marid bid-deni u d-disenterija. Pawlu daħal ħdejh, għamel talba, qiegħed idejh fuqu u fejqu.


© 2020 Malta Bible Society.

9Wara dan imbagħad bdew ukoll jersqu għandu l-morda l-oħra tal-gżira, u hu
fejjaqhom.

10Urewna ġieħ kbir, u meta ġejna biex nitilqu, għabbew fuq il-ġifen kulma
konna neħtieġu.

### Pawlu jasal Ruma

11Wara tliet xhur tlaqna fuq ġifen li kien għadda x-xitwa fil-gżira; kien ġifen ta'
Lixandra, bix-xbieha tad-Dijoskuri fil-pruwa.

12Inżilna Sirakuża, fejn qgħadna tlitt ijiem.

13Minn hemm għaddejna max-xatt ix-xatt u wasalna Reġġju. Il-jum ta' wara qam
riħ min-Nofsinhar, u l-għada wasalna Putijoli.

14Hemm sibna xi aħwa, li stednuna noqogħdu sebat ijiem magħhom. U hekk
wasalna Ruma.

15L-aħwa ta' din il-belt, li semgħu bina, ġew sal-Forum ta' Appju u sat-Tliet
Tvieren biex jilqgħuna. Malli rahom, Pawlu radd il-ħajr 'l Alla u qawwa qalbu.

16Meta dħalna Ruma, Pawlu tawh il-permess joqgħod għalih b'suldat għassa
miegħu.

### Pawlu jippriedka f'Ruma

17Tlitt ijiem wara, huwa laqqa' flimkien miegħu l-kapijiet tal-Lhud, u kif kienu
miġbura miegħu qalilhom: "L-aħwa, għalkemm jien ma għamilt xejn kontra l-
poplu jew kontra d-drawwiet ta' missirijietna, f'Ġerusalemm tawni priġunier
f'idejn ir-Rumani.

18Dawn stħarrġu l-każ tiegħi u riedu jitilquni, għax ma sabuli xejn li għalih
kienet tistħoqqli l-mewt.

19Imma billi l-Lhud żammew iebes jiena kelli nappella għal quddiem Ċesari,
mhux għax kelli xi ngħid mal-poplu tiegħi.

20Għalhekk tlabtkom tiġu biex narakom u nkellimkom; għax jien minħabba t-
tama ta' Iżrael ninsab marbut b'din il-katina."

21Huma weġbuh: "Aħna la ħadna ittri fuqek mil-Lhudija, lanqas ma ġie ħadd
mill-aħwa jgħarrafna jew jgħidilna xi ħaġa ħażina fuqek.

22Imma rridu nisimgħu mingħandek kif taħsibha int; għax dwar din is-setta
sirna nafu li kullimkien qegħdin jeħduha kontra tagħha."

23Ftiehmu miegħu fuq il-jum, u ġew għandu, fejn kien joqgħod, ħafna aktar milli
kienu ġew id-darba ta' qabel. U minn filgħodu sa filgħaxija qagħad jagħtihom
xhieda u jfissrilhom x'inhi s-Saltna ta' Alla, u għamel kemm felaħ biex


© 2020 Malta Bible Society.

jipperswadihom permezz tal-Liġi ta' Mosè u l-Profeti ħalli jemmnu f'Ġesù Kristu.

24Xi wħud emmnu dak li qalilhom, oħrajn ma emmnux.

25Billi ma qablux bejniethom, kulħadd telaq għal rasu. Pawlu kelma waħda qalilhom: "Sewwa qal l-Ispirtu s-Santu lil missirijietkom permezz ta' Isaija l-profeta,

26meta qal, 'Mur għand dan il-poplu u għidilhom: Tisimgħu kemm tisimgħu ma tifhmux, u tħarsu kemm tħarsu ma tarawx.

27 Għax il-qalb ta' dan l-poplu twebbset; kienu tqal biex jisimgħu b'widnejhom u għalqu għajnejhom, li ma jmorrux jaraw b'għajnejhom u jisimgħu b'widnejhom u jifhmu b'moħħhom, u hekk ibiddlu ħajjithom u jiena nfejjaqhom.'

28Kunu afu, mela, li Alla bagħat din is-salvazzjoni tiegħu lill-pagani; u huma jisimgħu."

### Sentejn f'Ruma

30Pawlu dam joqgħod hemm għal sentejn sħaħ fid-dar li kien kera; hemm kien jilqa' lil dawk kollha li kienu jiġu għandu,

31ixandrilhom is-Saltna ta' Alla u jgħallimhom fuq il-Mulej Ġesù Kristu bil-kuraġġ u bla tfixkil.


© 2020 Malta Bible Society.

## Rumani 1

### Tislima

1Pawlu, qaddej ta' Kristu Ġesù, imsejjaħ biex ikun appostlu, maħtur għall-Evanġelju ta' Alla.

2Dan hu l-Evanġelju li Alla kien wiegħed permezz tal-profeti fil-Kotba Mqaddsa

3dwar Ibnu Ġesù Kristu Sidna li, skont it-tnissil tal-ġisem, twieled min-nisel ta' David,

4u, skont l-Ispirtu s-Santu, ġie rivelat bħala l-Iben ta' Alla b'kull qawwa permezz tal-qawmien mill-imwiet.

5Bih aħna rċevejna l-grazzja tal-appostolat biex inwasslu għall-ubbidjenza tal-fidi l-bnedmin fost il-ġnus kollha għall-ġieħ ta' ismu.

6Fosthom tinsabu intom ukoll, imsejħin biex tkunu ta' Ġesù Kristu;

7lill-maħbubin kollha ta' Alla li jinsabu Ruma msejħin biex ikunu qaddisin: grazzja lilkom u sliem mingħand Alla Missierna u Sidna Ġesù Kristu.

### Pawlu jixtieq iżur Ruma

8Qabel xejn niżżi ħajr lil Alla permezz ta' Ġesù Kristu, għaliex il-fidi tagħkom isemmuha fid-dinja kollha.

9Jixhidli Alla, li jien naqdi b'qalbi kollha billi nxandar l-Evanġelju ta' Ibnu, li jien niftakar fikom dejjem fit-talb tiegħi.

10Jien nitlob dejjem li nkun nista' xi darba, jekk Alla jrid, niġi għandkom.

11Nixtieq ħafna narakom u naqsam magħkom id-doni spiritwali biex inwettaqkom,

12jiġifieri nqawwu lil xulxin permezz tal-fidi li għandna, jien lilkom u intom lili.

13Nixtieqkom tkunu tafu, l-aħwa, li kemm-il darba għamilt il-ħsieb li niġi għandkom, iżda sa issa dejjem kien hemm xi jżommni; hekk inkun nista' naħsad xi frott fostkom bħalma għamilt sa issa fost il-bqija tal-ġnus.

14Jien inħoss ruħi obbligat lejn il-Griegi u l-Barbari, għorrief u mhumiex,

15għalhekk ninsab ħerqan li nxandar l-Evanġelju lilkom ukoll, li tgħammru f'Ruma.

### Il-qawwa tal-Evanġelju

16Jiena ma nistħix mill-Evanġelju; għax l-Evanġelju hu qawwa ta' Alla għas-salvazzjoni ta' dawk kollha li jemmnu, l-ewwel il-Lhud u mbagħad il-Griegi,

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[17]u fih tidher il-ġustizzja ta' Alla minn fidi għal fidi, skont ma hemm miktub: "Il-ġust jgħix bil-fidi."

## Il-kundanna tad-dinja pagana bla qalb

[18]Il-korla ta' Alla tidher nieżla mis-sema fuq il-ħażen u l-inġustizzja tal-bnedmin li jżommu l-verità mjassra bl-inġustizzja;

[19]għax dak li wieħed jista' jagħraf minn Alla kien, iva, irrivelat lilhom; Alla stess urihulhom.

[20]Il-kobor tiegħu li ma jidhirx, jiġifieri s-setgħa tiegħu ta' dejjem, u d-divinità tiegħu, huma setgħu jagħrfuh sa mill-ħolqien tad-dinja, permezz tal-ħlejjaq, u għalhekk ma għandhom ebda skuża.

[21]Imma għad li lil Alla għarfuh, huma la tawh ġieħ ta' Alla li hu, u lanqas raddewlu ħajr; għall-kuntrarju, moħħhom intilef fil-bluha, u qalbhom bla dehen iddallmet;

[22]waqt li riedu jagħmluha ta' għorrief, bliehu

[23]u bidlu l-glorja ta' dak Alla li ma jintemmx ma' sura u xbieha tal-bniedem li jintemm, tal-għasafar, tal-bhejjem b'erba' saqajn, tas-sriep.

[24]U għalhekk Alla rħiehom għall-ġibdiet ħżiena ta' qalbhom, biex niġġsu u waqqgħu fl-għajb lil ġisimhom stess bejniethom.

[25]Il-verità ta' Alla bidluha ma' gidba, u taw il-ġieħ u l-qima tagħhom lill-ħlejjaq flok ma tawhom lill-Ħallieq, li jkun imbierek għal dejjem. Ammen.

[26]Għalhekk Alla telaqhom għal ġibdiet bla ġieħ. In-nisa tagħhom bidlu l-użu naturali fl-użu kontra n-natura;

[27]hekk ukoll l-irġiel ħallew l-użu naturali tal-mara u xegħlu bil-passjoni għal xulxin, irġiel ma' rġiel, biex jagħmlu ħwejjeġ bla ġieħ; u bi ħlas ta' dan jirċievu fihom infushom il-ħlas li ħaqqhom ħtijiethom.

[28]Billi l-bnedmin ma għoġobhomx jagħrfu sewwa lil Alla, Alla rħiehom fil-fehmiet ħżiena tagħhom, biex għamlu dak li ma jixraqx.

[29]Imtlew b'kull xorta ta' inġustizzja, ħażen, regħba, dnewwa; imtlew bl-għira, qtil, ġlied, qerq, malizzja; iqassu

[30]u jigdbu kontra xulxin, għedewwa ta' Alla, insolenti, kburin; minfuħin bihom infushom, joħolqu l-ħażen, diżubbidjenti għall-ġenituri tagħhom,

[31]bla moħħ, bla kelma, bla mħabba, bla qalb.

[32]Għalkemm kienu jafu l-ħsieb ta' Alla, jiġifieri, li min jagħmel dan ħaqqu l-mewt, mhux biss jagħmlu dan, imma japprovaw lil min jagħmel hekk.


© 2020 Malta Bible Society.

# Rumani 2

## Il-kundanna tal-Lhud kburin bihom infushom

1Int, ja bniedem, li tagħmel ħaqq minn ħaddieħor ma għandek ebda skuża, int min int. Għax int u tagħmel ħaqq minn ħaddieħor tkun tikkundanna lilek innifsek, ladarba int u tagħmel il-ħaqq tkun tagħmel l-istess.

2Imma aħna nafu li dawk li jagħmlu ħwejjeġ bħal dawn, Alla jagħmel ħaqq minnhom skont il-verità.

3U taħseb int, ja bniedem, li tagħmel ħaqq minn ħaddieħor li jagħmel dawn il-ħwejjeġ, u tagħmilhom int ukoll; taħseb int, li sejjer taħrab il-ġudizzju ta' Alla?

4Jew trid tabbuża mill-kobor tat-tjubija tiegħu, mis-sabar u l-ġenerożità tiegħu? Ma tafx li b'din il-ħniena tiegħu Alla jrid iwasslek għall-indiema?

5B'din l-ebusija ta' rasek u n-nuqqas ta' ndiema f'qalbek, inti qiegħed tiġma' għalik innifsek il-korla, għal jum il-korla, meta Alla għad jirrivela l-ġudizzju rett tiegħu,

6u jħallas lil kulħadd skont ma jkun għamel:

7jagħti l-ħajja ta' dejjem lil dawk li jipperseveraw sal-aħħar fl-għemil it-tajjeb, u jkunu fittxew il-glorja u l-ġieħ u l-ħajja li ma tintemmx,

8imma jerfa' l-korla u l-qilla għal dawk li ma jridu jisimgħu b'xejn, u jirvellaw kontra l-verità biex imbagħad joqogħdu għall-ħażen.

9Tbatija u dwejjaq għal kull ruħ ta' bniedem li jagħmel il-ħażen, l-ewwel għal-Lhud, u mbagħad għall-Griegi;

10glorja u ġieħ u sliem għal kull min jagħmel it-tajjeb, l-ewwel għal-Lhud, u mbagħad għall-Griegi.

11Għax Alla ma jħarisx lejn l-uċuħ!

12Dawk kollha li dinbu mingħajr il-Liġi, jintilfu mingħajr il-Liġi; u dawk li dinbu taħt il-Liġi, isir ħaqq minnhom skont il-Liġi.

13Għaliex mhux dawk li jisimgħu l-Liġi huma ġġustifikati; imma dawk li jħarsuha jkunu ġġustifikati quddiem Alla.

14Għax meta l-pagani, li ma għandhomx il-Liġi, jagħmlu bl-istint naturali tagħhom dawk l-opri li titlob il-Liġi, huma jkunu liġi għalihom infushom.

15Dawn juru b'għemilhom li l-preċetti tal-Liġi huma miktuba f'qalbhom, u dan tixhdu wkoll il-kuxjenza u r-raġuni tagħhom, li issa jakkużaw u issa japprovaw għemilhom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

16Dan għad jidher dak in-nhar li fih Alla jagħmel ħaqq mill-għemejjel moħbija
tal-bnedmin - skont l-Evanġelju tiegħi - permezz ta' Ġesù Kristu.

### Il-Liġi u r-responsabbiltà tal-Lhud

17Imma int, jekk tissejjaħ Lhudi u moħħok mistrieħ bil-Liġi u tiftaħar b'Alla;

18int li taf ir-rieda ta' Alla u l-Liġi għallmitek tagħraf tagħżel l-aħjar;

19int li int persważ li taf tmexxi lill-għomja, li int id-dawl fid-dlam;

20li int mgħallem tal-boloh; mgħallem taż-żgħar; li għandek l-għerf u l-verità fil-
Liġi;

21int li tgħallem lil ħaddieħor, ma tgħallimx lilek innifsek? Int tippriedka: La
tisraqx, u tisraq?

22Tgħid: La tiżnix, u tiżni? Int tistkerrah lill-idoli, u tisraq it-tempji tagħhom?

23Int tiftaħar bil-Liġi, u żżeblaħ lil Alla bil-ksur tal-Liġi?

24Kif inhu miktub: "L-isem ta' Alla hu mżeblaħ fost il-ġnus minħabba fikom."

25Iċ-ċirkonċiżjoni tiswielek jekk int tħares il-Liġi. Jekk int ma tħarisx il-Liġi ssir
qisek pagan bla ċirkonċiżjoni.

26Jekk pagan bla ċirkonċiżjoni jħares il-preċetti tal-Liġi, ma jkunx qiegħed hu, li
hu bla ċirkonċiżjoni, jikkundanna lilek li int ċirkonċiż?

27U l-Ġentili li ma għandux iċ-ċirkonċiżjoni f'ġismu, imma jħares il-Liġi, jagħmel
ħaqq minnek, int li bil-Liġi miktuba u biċ-ċirkonċiżjoni b'kollox tikser il-Liġi.

28Mhux dak li jidher li hu Lhudi minn barra hu Lhudi, lanqas min għandu ġismu
ċirkonċiż;

29il-Lhudi veru hu dak li hu Lhudi minn ġewwa; iċ-ċirkonċiżjoni vera hi dik tal-
qalb, opra tal-ispirtu u mhux tal-Liġi miktuba. Bniedem bħal dan, mhux il-
bnedmin ifaħħruh, imma Alla.

## Rumani 3

1Mela x'għandhom iktar il-Lhud, jew x'tiswielhom iċ-ċirkonċiżjoni?

2Hafna u b'kull mod. Qabel xejn, għax lilhom kienu fdati l-orakli ta' Alla.

3X'jimporta jekk xi wħud minnhom ma emmnux? Jaqaw l-infedeltà tagħhom sa
ġġib fix-xejn il-fedeltà ta' Alla?

4Ma jkun qatt! Ha jkun jaf kulħadd li Alla hu sinċier u kull bniedem giddieb.
Hekk hemm miktub: "Sabiex int tkun iġġustifikat fi kliemek, u tirbaħ meta tkun
iġġudikat."


© 2020 Malta Bible Society.

5Jekk l-inġustizzja tagħna sservi biex tidher il-ġustizzja ta' Alla, x'għandna ngħidu? Forsi Alla hu inġust jekk jikkastigana? Qiegħed nitkellem ta' bniedem li jien.

6Ma jkun qatt. Inkella kif jista' Alla jagħmel ħaqq mid-dinja?

7Jekk il-verità ta' Alla tidher aktar minħabba l-gidba tiegħi għall-glorja tiegħu stess, għaliex isir ħaqq minni bħala midneb?

8Għaliex ma ngħidux - bħalma ħafna jgħajruna u jgħidu li aħna qegħdin ngħidu: Ħa nagħmlu l-ħażin, ħalli joħroġ it-tajjeb? Dawn ħaqqhom il-kundanna.

### Ħadd ma hu ġust

9Xi ngħidu mela? Aħna l-Lhud aħjar mill-oħrajn? B'ebda mod. Ġa wrejna li sew il-Lhud sew il-Griegi huma lkoll taħt il-ħakma tad-dnub.

10Kif hemm miktub: "Ħadd, ebda wieħed, ma hu ġust;

11 ħadd ma għandu moħħ biex jifhem; ħadd ma hemm li jfittex lil Alla.

12 Ilkoll ħarġu minn triqathom; lkoll kemm huma tħassru; ħadd ma hemm li jagħmel is-sewwa; m'hemm lanqas wieħed.

13 Halqhom bħal qabar miftuħ; b'ilsienhom iqarrqu; taħt xufftejhom hemm il-velenu tas-sriep.

14 Fommhom mimli saħtiet u mrar;

15 riġlejhom ħfief biex ixerrdu d-demm,

16 kull fejn imorru ma jħallux għajr ħerba u qerda;

17 it-triq tas-sliem ma jafuhiex;

18 quddiem għajnejhom biża' ta' Alla m'hemmx."

19Nafu li kulma tgħid il-Liġi, tgħidu lil dawk li huma taħt il-Liġi, sabiex kulħadd jagħlaq ħalqu u d-dinja kollha tidher ħatja quddiem Alla.

20Għalhekk quddiem Alla ħadd ma hu ġġustifikat bl-opri tal-Liġi; għax il-Liġi sservi biex tgħarrafna d-dnub.

### Il-fidi u l-ġustifikazzjoni

21Issa l-ġustizzja ta' Alla dehret mingħajr il-Liġi, għad li l-Liġi u l-profeti jixhdu għaliha.

22U din hi l-ġustizzja ta' Alla u li Alla jagħti permezz tal-fidi f'Ġesù Kristu lil dawk li jemmnu, bla ma jagħżel bejniethom.

23Il-bnedmin kollha dinbu u ċċaħħdu mill-glorja ta' Alla;


© 2020 Malta Bible Society.

24għalhekk issa huma jkunu ġġustifikati bil-grazzja tiegħu li jagħtihom minn
rajh permezz tal-fidwa li hemm fi Kristu Ġesù.

25Lilu Alla qiegħdu sagrifiċċju ta' tpattija għall-maħfra tad-dnubiet għal dawk li
jemmnu bih. U dan bis-saħħa ta' demmu. B'hekk Alla issa juri l-ġustizzja tiegħu,
waqt li fl-imgħoddi għalaq għajnejh għad-dnubiet li saru fi żmien li kien jistabar
bihom.

26Ried, iva, juri l-ġustizzja tiegħu f'dan iż-żmien ħalli juri li hu ġust u jiġġustifika
wkoll lil min jemmen f'Ġesù.

27Biex, mela, jista' wieħed jiftaħar? Ma hemmx biex. U bis-saħħa ta' liema liġi?
Tal-opri? Le, iżda bis-saħħa tal-liġi tal-fidi.

28Għax aħna għandna fehma sħiħa li l-bniedem ikun iġġustifikat permezz tal-
fidi mingħajr l-opri tal-Liġi.

29Forsi Alla hu Alla tal-Lhud biss? Mhux tal-pagani wkoll? Iva, tal-pagani wkoll:

30Alla hu wieħed, u hu l-istess wieħed li jiġġustifika permezz tal-fidi l-Lhudi
ċirkonċiż u l-pagan mhux ċirkonċiż.

31B'daqshekk qegħdin inġibu fix-xejn il-Liġi permezz tal-fidi? Ma jkun qatt,
imma qegħdin inwettqu l-Liġi.

## Rumani 4

### L-eżempju ta' Abraham

1Xi ngħidu, mela, li sab Abraham, il-missier tagħna skont il-ġisem?

2Li kieku Abraham kien iġġustifikat bis-saħħa tal-opri, kien ikollu biex jiftaħar;
imma mhux quddiem Alla!

3Għax xi tgħid l-Iskrittura? Tgħid li "Abraham emmen lil Alla u kien magħdud
lilu b'ġustizzja".

4Il-ħlas lil min jaħdem ma jingħaddlux bi pjaċir, imma b'dejn;

5iżda min bla ma jagħmel opri, jemmen lil Alla li jiġġustifika lil min hu ħażin, din
il-fidi tiegħu tingħaddlu b'ġustizzja.

6Hekk wkoll David jgħid kemm hu hieni l-bniedem li Alla jqisu b'ġust mingħajr
l-opri:

7 "Hienja dawk li dnubiethom maħfura, u li ħtijiethom mgħottija .

8 Hieni l-bniedem li l-Mulej ma jgħoddlu ebda dnub."

9Din it-thennija tiswa biss għal-Lhud ċirkonċiżi, jew ukoll għall-pagani bla
ċirkonċiżjoni? Aħna ngħidu: Il-fidi kienet magħduda lil Abraham b'ġustizzja.


© 2020 Malta Bible Society.

10Meta kien magħdud lilu dan? Meta kien ċirkonċiż, jew meta kien għadu bla
ċirkonċiżjoni? Le, mhux meta kien ċirkonċiż, iżda meta kien għadu bla
ċirkonċiżjoni.

11Imbagħad irċieva s-sinjal taċ-ċirkonċiżjoni b'sinjal tal-ġustizzja permezz tal-
fidi meta kien għadu bla ċirkonċiżjoni, biex ikun il-missier ta' dawk kollha li
jemmnu u ma jkunux ċirkonċiżi, sabiex lilhom ukoll tkun magħduda l-ġustizzja.

12Hu missier iċ-ċirkonċiżjoni mhux biss għal-Lhud ċirkonċiżi, imma wkoll għal
dawk li jimxu fuq il-passi tal-fidi ta' missierna Abraham qabel ma kellu ċ-
ċirkonċiżjoni.

### Il-fidi u l-wegħda

13Lil Abraham jew lin-nisel tiegħu l-wegħda li jirtu d-dinja ma saritilhomx
permezz tal-Liġi, imma permezz tal-ġustizzja bil-fidi.

14Għax li kieku fil-wirt kellhom jidħlu dawk biss li jgħixu bil-Liġi, il-fidi kienet
tisfa fix-xejn u l-wegħda ma kienet tkun tiswa xejn.

15Imma l-Liġi korla ġġib magħha, għax fejn ma hemmx liġi anqas ma hemm ksur
ta' liġi.

16Għalhekk il-wegħda hi marbuta mal-fidi, biex tkun mogħtija bħala grazzja, u
hekk tibqa' sħiħa għal uliedu kollha, mhux biss dawk li jgħixu bil-Liġi, imma
wkoll dawk li jgħixu bil-fidi ta' Abraham - il-missier tagħna lkoll,

17skont ma hemm miktub: "Jiena nagħmel minnek missier ta' kotra kbira ta'
ġnus" - missierna quddiem Alla li fih hu emmen, li jagħti l-ħajja lill-mejtin, u li
jsejjaħ fl-eżistenza lil dak li ma jeżistix.

18Meta ma kellu ebda tama, Abraham ittama u emmen; u hekk sar missier ta'
kotra kbira ta' ġnus, skont ma kien intqal lilu: "Hekk għad ikun in-nisel tiegħek."

19U ma naqasx fil-fidi tiegħu, anqas meta ġieb quddiem għajnejh li ġismu kien
mejjet għax kien għoddu laħaq il-mitt sena, u mejjet ukoll kien ġuf Sara.

20Quddiem il-wegħda ta' Alla ma qagħadx italla' u jniżżel jekk jemminx jew le,
imma ssaħħaħ fil-fidi, filwaqt li gglorifika lil Alla

21u żamm bis-sħiħ li min kien għamillu l-wegħda kien qawwi biżżejjed biex
iżomm kelmtu.

22U kien għalhekk li dan ġie "lilu magħdud b'ġustizzja".

23Iżda l-kelmiet "ġie lilu magħdud" ma nkitbux għalih biss,

24imma għad ikun magħdud ukoll lilna li nemmnu f'dak li qajjem mill-imwiet lil
Ġesù Sidna,


© 2020 Malta Bible Society.

25li kien mogħti għall-mewt għal dnubietna, u mqajjem għall-ġustifikazzjoni
tagħna.

## Rumani 5

### Il-frott tal-ġustifikazzjoni

1Issa li aħna ġġustifikati bil-fidi, għandna s-sliem ma' Alla, permezz ta' Sidna
Ġesù Kristu;

2permezz tiegħu għandna d-dħul bil-fidi għal din il-grazzja li fiha qegħdin. Aħna
niftaħru bit-tama li għandna li għad niksbu l-glorja ta' Alla.

3Mhux biss dan, imma niftaħru wkoll bis-sofferenzi, għax nafu li s-sofferenza
ġġib is-sabar,

4is-sabar irawwem il-ħila, il-ħila t-tama.

5U din it-tama ma tqarraqx bina, għax l-imħabba ta' Alla ssawbet fi qlubna
permezz tal-Ispirtu s-Santu li kien mogħti lilna.

6Mela, meta aħna konna bla saħħa, Kristu, meta wasal iż-żmien, miet għall-
ħżiena.

7Bilkemm wieħed imut għal wieħed tajjeb, għad li wieħed għandu mnejn
jagħmel il-qalb u jmut għal wieħed ġeneruż.

8Iżda Alla wriena l-imħabba tiegħu meta Kristu miet għalina, aħna li konna
għadna midinbin.

9Kemm aktar u aktar issa li aħna ġġustifikati b'demmu, insalvaw permezz
tiegħu mill-korla ta' Alla!

10Jekk meta konna għadna għedewwa ta' Alla tħabbibna miegħu bis-saħħa tal-
mewt ta' Ibnu, kemm iktar issa, li aħna ħbieb miegħu, insalvaw permezz tal-
ħajja tiegħu?

11Mhux hekk biss, imma niftaħru wkoll f'Alla b'Sidna Ġesù Kristu li permezz
tiegħu ksibna din il-ħbiberija.

### Kristu u Adam

12Għalhekk, bħalma kien permezz ta' bniedem wieħed li fid-dinja daħal id-
dnub, u permezz tad-dnub il-mewt, u hekk il-mewt laħqet il-bnedmin kollha,
għax kollha dinbu…

13Kienet għadha ma waslitx il-Liġi, id-dnub kien ġa fid-dinja: imma d-dnub ma
kienx magħdud, ladarba Liġi ma kienx hemm.

14Madankollu l-mewt saltnet ukoll minn Adam sa Mosè, imqar fuq dawk li ma
waqgħux fid-dnub li fih kien waqa' Adam, li kien xbieha ta' dak li kellu jiġi.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

15Imma d-don mhuwiex bħall-ħtija. Għax jekk permezz ta' ħtija waħda mietet il-kotra, aktar u aktar issa l-grazzja ta' Alla u d-don mogħti bil-grazzja ta' bniedem wieħed li hu Ġesù Kristu, xterdu bil-bosta fuq il-kotra.

16U d-don anqas ma hu bħall-frott ta' dak il-wieħed li dineb; għax tassew, il-ġudizzju mogħti fuq dnub wieħed wassal sal-kundanna, iżda d-don mogħti wara ħafna dnubiet iwassal għall-ġustifikazzjoni.

17Għax jekk minħabba fil-ħtija ta' wieħed waħdu saltnet il-mewt, permezz ta' dak il-wieħed, aktar u aktar dawk li jirċievu l-kotra tal-grazzja u d-don tal-ġustizzja għad isaltnu fil-ħajja permezz ta' wieħed li hu Ġesù Kristu.

18Mela kif bil-ħtija ta' wieħed waħdu waslet il-kundanna fuq il-bnedmin kollha, hekk ukoll bl-opra tal-ġustizzja ta' wieħed waslet lill-bnedmin kollha l-ġustifikazzjoni tal-ħajja.

19Għax kif bid-diżubbidjenza ta' bniedem wieħed il-ħafna saru midinbin, hekk ukoll bl-ubbidjenza ta' wieħed il-ħafna jsiru ġusti.

20Il-Liġi daħlet, biex kotru d-dnubiet; fejn kotor id-dnub, kotrot fuq li kotrot il-grazzja.

21B'hekk, kif id-dnub saltan permezz tal-mewt, hekk issa l-grazzja ssaltan permezz tal-ġustizzja għall-ħajja ta' dejjem bis-saħħa ta' Ġesù Kristu Sidna.

## Rumani 6

### Mejta għad-dnub, ħajja fi Kristu

1Xi ngħidu mela? Nibqgħu fid-dnub biex toktor il-grazzja?

2Ma jkun qatt! Aħna li mitna għad-dnub kif nistgħu ngħixu fih?

3Ma tafux li aħna lkoll li tgħammidna fi Kristu Ġesù, tgħammidna fil-mewt tiegħu?

4Indfinna miegħu fil-mewt permezz tal-magħmudija sabiex kif Kristu kien imqajjem mill-imwiet permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier, hekk aħna ngħixu ħajja ġdida.

5Jekk aħna sirna ħaġa waħda miegħu f'mewt tixbah lil tiegħu, hekk ningħaqdu miegħu fil-qawmien tiegħu mill-mewt.

6Dan nafu: li l-bniedem il-qadim tagħna ssallab miegħu, biex jinqered dan il-ġisem tad-dnub, sabiex ma nkunux aktar ilsiera tad-dnub.

7Min imut, jeħles mid-dnub.

8Jekk aħna mitna ma' Kristu, nemmnu wkoll li għad ngħixu ma' Kristu.


© 2020 Malta Bible Society.

9Nafu li Kristu qam mill-imwiet u ma jmutx aktar; il-mewt ma għadhiex taħkem fuqu.

10Hu li miet, miet darba għal dejjem għad-dnub; u issa li qiegħed jgħix, qiegħed jgħix għal Alla.

11Hekk ukoll intom għandkom tqisu lilkom infuskom mejtin għad-dnub, iżda ħajjin għal Alla fi Kristu Ġesù.

12Tħallux, mela, li d-dnub isaltan fuq dan il-ġisem tagħkom li jmut u toqogħdu għall-ġibdiet tiegħu;

13anqas ma għandkom tħallu l-membri ta' ġisimkom isiru għodda biex tagħmlu l-ħażen għas-servizz tad-dnub; imma offru ruħkom lil Alla bħala nies li reġgħu mill-mewt għall-ħajja ħalli l-membri ta' ġisimkom isiru għodda biex tagħmlu t-tajjeb għas-servizz ta' Alla għall-ġustizzja tagħkom.

14Għax lilkom id-dnub ma għandux jaħkimkom, ladarba m'intomx tgħixu taħt il-Liġi, imma taħt il-grazzja.

### Ilsiera tal-ġustizzja

15X'nagħmlu, mela? Ladarba m'aħniex taħt il-Liġi imma taħt il-grazzja, allura għandna nidinbu? Ma jkun qatt!

16Ma tafux li jekk intom toffru ruħkom lil xi ħadd b'ilsiera biex tobduh, ta' min tobdu tkunu l-ilsiera, kemm jekk dan ikun id-dnub, li jwassal għall-mewt, u kemm jekk tkun l-ubbidjenza li twassal għall-ġustifikazzjoni?

17Imma niżżu ħajr lil Alla: intom kontu lsiera tad-dnub, imma issa obdejtu minn qalbkom dik il-kwalità ta' tagħlim li ngħatalkom biex timxu fuqu;

18infdejtu minn taħt id-dnub, imma tjassartu għall-ġustizzja.

19Qiegħed nitkellem magħkom ta' bnedmin li aħna, għax in-natura tagħkom dgħajfa. Bħalma l-membri ta' ġisimkom kontu jassartuhom għaż-żina u l-ħażen, hekk issa dawn l-istess membri jassruhom għall-ġustizzja biex tkunu qaddisin.

20Meta kontu lsiera tad-dnub, kontu ħielsa f'dak li għandu x'jaqsam mal-ġustizzja.

21Xi frott ħsadtu dak iż-żmien mill-ħwejjeġ li issa qegħdin iħammrulkom wiċċkom? It-tmiem ta' dawk il-ħwejjeġ hija l-mewt.

22Imma issa li ħlistu mid-dnub u sirtu lsiera ta' Alla, qegħdin taħsdu għalikom frott li jwassal għall-qdusija, u għandkom bħala tmiem il-ħajja ta' dejjem.

23Għax il-ħlas tad-dnub hu l-mewt, imma d-don li tana Alla huwa l-ħajja ta' dejjem fi Kristu Ġesù Sidna.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

# Rumani 7

### Ix-xbieha taż-żwieġ

1Ma tafux intom, l-aħwa - qiegħed nitkellem ma' nies li jafu l-Liġi - li l-liġi
taħkem bniedem sakemm jibqa' ħaj?

2Hekk, il-mara miżżewġa hi marbuta bil-liġi ma' żewġha sakemm hu jdum ħaj;
jekk żewġha jmut tinħall mil-liġi ta' żewġha.

3Għalhekk, sakemm żewġha jkun għadu ħaj, jekk tiżżewweġ raġel ieħor, tkun
adultera. Jekk żewġha jmut hi tkun ħielsa minn dik il-liġi u jekk tiżżewweġ raġel
ieħor, ma tkunx adultera.

4Hekk intom, l-aħwa, mittu għal-Liġi permezz tal-ġisem ta' Kristu, biex intom
tkunu ta' ħaddieħor, jiġifieri, ta' dak li kien imqajjem mill-imwiet, sabiex
nagħmlu l-frott għal Alla.

5Sakemm konna fil-ġisem, il-ġibdiet tad-dnub kienu jaħkmu fina permezz tal-
liġi fil-membri tal-ġisem tagħna biex nagħmlu l-frott għall-mewt.

6Issa aħna nħallejna mil-Liġi għax mitna għal dak li kien iżommna lsiera, biex
issa nservu skont il-ħajja l-ġdida tal-Ispirtu u mhux aktar skont l-ittra l-qadima.

### Il-jasar tad-dnub fina

7Xi ngħidu, mela? Li l-Liġi hi dnub? Ma jkun qatt! Imma ma kontx inkun naf
x'inhu d-dnub, kieku ma kinitx il-Liġi; ma kontx inkun naf x'inhuma x-xewqat
ħżiena kieku l-Liġi ma qaltlix: "Ma jkollokx xewqat ħżiena".

8Id-dnub ħa l-okkażjoni mill-kmandament u qajjem kull xorta ta' passjoni fija.
Mingħajr il-Liġi, id-dnub kien ikun ħaġa mejta.

9Jien kont darba ngħix mingħajr il-Liġi, imbagħad ġie l-kmandament u d-dnub
ħa r-ruħ.

10Jien mitt: il-kmandament li kien maħsub biex iġib il-ħajja, spiċċa biex ġiebli l-
mewt.

11Id-dnub ħa okkażjoni mill-kmandament biex qarraq bija u qatilni.

12Il-Liġi hi qaddisa u l-kmandament hu qaddis, ġust u tajjeb.

13Mela dak li hu tajjeb sar mewt għalija? Ma jkun qatt! Iżda d-dnub, biex jurini
li hu dnub, ġiebli l-mewt b'dak li hu tajjeb biex permezz tal-kmandament id-
dnub jurini sa fejn jasal il-ħażen tad-dnub.

14Nafu li l-Liġi hi spiritwali, imma jien tad-demm u l-laħam mibjugħ lid-dnub.

15Ma nafx x'jien nagħmel; naf li mhux dak li rrid nagħmel iżda dak li ma rridx.


© 2020 Malta Bible Society.

16Jekk nagħmel dak li ma rridx, naqbel mal-Liġi li hi tajba.

17Issa mela mhux aktar jien li qiegħed nagħmel dan iżda d-dnub li hemm
jgħammar ġewwa fija.

18Naf li t-tajjeb ma jgħammarx fija, jiġifieri f'ġismi. Ir-rieda tajba qiegħda hemm
fija, imma li nagħmel it-tajjeb mhux hemm.

19M'iniex nagħmel it-tajjeb li rrid, imma qiegħed nagħmel il-ħażin li ma rridx.

20Jekk jien nagħmel sewwasew dak li ma rridx, mhux jien mela qiegħed
nagħmlu iżda d-dnub li hemm jgħammar fija.

21Inħoss din il-liġi ġewwa fija: meta rrid nagħmel it-tajjeb, ifeġġ quddiemi l-
ħażin.

22Skont il-bniedem ta' ġewwa togħġobni l-liġi ta' Alla;

23iżda nilmaħ fil-membri ta' ġismi liġi oħra titqabad kontra l-liġi ta' moħħi u
tjassarni taħt il-liġi tad-dnub li hemm ġo ġismi.

24Imsejken bniedem li jien! Min se jeħlisni minn dan il-ġisem tal-mewt?

25Niżżi ħajr lil Alla permezz ta' Ġesù Kristu Sidna! Mela minni nnifsi jien naqdi
lil-liġi ta' Alla b'moħħi, iżda b'ġismi naqdi l-liġi tad-dnub.

## Rumani 8

### Il-ħajja tal-Ispirtu

1Mela issa ma hemm ebda kundanna għal dawk li jgħixu fl-għaqda ma' Kristu
Ġesù.

2Għax il-liġi tal-Ispirtu li jagħti l-ħajja fi Kristu Ġesù ħelsitni mil-liġi tad-dnub u
tal-mewt.

3Għax dak li ma felħitx tagħmel il-Liġi, għax kienet bla saħħa minħabba l-ġisem,
għamlu Alla meta bagħat 'l Ibnu stess f'sura ta' ġisem tad-dnub, bħala vittma
għad-dnub. B'hekk ikkundanna d-dnub fil-ġisem,

4biex dak li b'ġustizzja titlob il-Liġi jseħħ fina li ngħixu, imma skont l-Ispirtu u
mhux skont il-ġisem.

5Dawk li jgħixu skont il-ġisem, ħsiebhom fil-ħwejjeġ tal-ġisem; dawk li jgħixu
skont l-Ispirtu, ħsiebhom fil-ħwejjeġ tal-Ispirtu.

6Ix-xewqat tal-ġisem iwasslu għall-mewt; ix-xewqat tal-Ispirtu jwasslu għall-
ħajja u s-sliem.

7Għalhekk ix-xewqat tal-ġisem huma għedewwa ta' Alla; ma joqogħdux għal-
liġi ta' Alla, u anqas jistgħu joqogħdu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

8Dawk li jgħixu skont il-ġisem ma jistgħux jogħġbu lil Alla.

9Issa intom ma intomx taħt il-ħakma tal-ġisem, imma tal-Ispirtu, ladarba hemm l-Ispirtu ta' Alla jgħammar fikom. Jekk xi ħadd ma għandux fih l-Ispirtu ta' Kristu, dan mhuwiex tiegħu.

10Jekk Kristu jgħammar fikom, għalkemm il-ġisem hu mejjet minħabba fid-dnub, imma l-Ispirtu hu ħajjitkom minħabba l-ġustizzja.

11Jekk l-Ispirtu ta' dak li qajjem lil Ġesù mill-imwiet jgħammar fikom, Alla stess li qajjem lil Kristu mill-imwiet iqajjem għall-ħajja wkoll il-ġisem mejjet tagħkom, bis-saħħa tal-Ispirtu li jgħammar fikom.

12Hekk mela, l-aħwa, aħna m'aħniex midjunin mal-ġisem biex ngħixu skont il-ġisem.

13Għax jekk tgħixu skont il-ġisem, tmutu; imma jekk tmewtu l-għemil tal-ġisem bl-Ispirtu, tgħixu.

14Dawk kollha li jmexxihom l-Ispirtu ta' Alla huma wlied Alla.

15Għax intom ma rċevejtux l-ispirtu li jwassalkom għall-jasar biex terġgħu taqgħu fil-biża', imma rċevejtu l-Ispirtu li jagħmel minnkom ulied adottivi; u li bih aħna nistgħu ngħajtu: "Abba! Missier!"

16Dan l-Ispirtu jixhed flimkien mal-ispirtu tagħna li aħna wlied Alla.

17Jekk aħna wlied, aħna wkoll werrieta, werrieta ta' Alla, werrieta ma' Kristu: ladarba aħna nbatu miegħu, biex miegħu nkunu gglorifikati.

### Il-glorja li ġejja

18Jiena għadni persważ li t-tbatijiet ta' issa ma għandhom xejn x'jaqsmu mal-glorja li għad trid tidher fina.

19Il-ħlejjaq kollha qegħdin jistennew ħerqana r-rivelazzjoni ta' wlied Alla;

20għax il-ħolqien jinsab taħt il-frugħa - mhux minn rajh, imma minħabba Alla li xeħtu taħtha -

21bit-tama li l-ħlejjaq huma wkoll għad ikunu meħlusa mill-jasar tat-taħsir u jiksbu l-ħelsien tal-glorja ta' wlied Alla.

22Aħna nafu li l-ħolqien kollu għadu s'issa jitniehed bl-uġigħ tal-ħlas;

23u mhux hu biss, imma wkoll aħna li għandna l-ewwel frott tal-Ispirtu, aħna wkoll nitniehdu fina nfusna waqt li nistennew l-adozzjoni ta' wlied, il-fidwa ta' ġisimna.

24Aħna salvi bit-tama. Meta wieħed jara l-ħwejjeġ li jkun ittama, ma tkunx aktar tama; għax kif jista' wieħed jittama l-ħwejjeġ li ġa jkun ra?


© 2020 Malta Bible Society.

25Imma dak li qegħdin nittamaw, jekk m'aħniex narawh, qed nistennewh bis-
sabar.

26Hekk ukoll l-Ispirtu, min-naħa tiegħu, jgħinna fin-nuqqas ta' ħila tagħna. Għax
aħna anqas biss nafu nitolbu kif imiss, imma l-Ispirtu stess jidħol għalina bit-
talb tiegħu bi tnehid li ma jistax jitfisser bil-kliem;

27u Alla, li l-ħarsa tiegħu tinfed il-qlub, jaf x'inhi x-xewqa tal-Ispirtu; bit-talb
tiegħu jidħol għall-qaddisin skont ma jrid Alla.

28Aħna nafu li Alla, ma' dawk li jħobbuh, ma' dawk li huma msejħin skont il-
providenza tiegħu, f'kollox jaħdem id f'id għall-ġid tagħhom.

29Għax lil dawk li hu għarafhom mill-bidu, ippredestinahom ukoll biex jieħdu s-
sura fuq ix-xbieha ta' Ibnu, ħalli dan ikun il-kbir fost ħafna aħwa;

30lil dawk li ppredestinahom, sejħilhom ukoll; lil dawk li sejħilhom,
iġġustifikahom ukoll; lil dawk imbagħad li ġġustifikahom, igglorifikahom ukoll.

### Il-glorja tal-imħabba ta' Alla

31Xi ngħid, mela, quddiem dan kollu? Jekk Alla hu magħna min jista' jkun kontra
tagħna?

32Hu, li anqas lil Ibnu stess ma ħafirha, imma tah għalina lkoll, kif ma jagħtiniex
ukoll kollox miegħu?

33Min se jakkuża l-magħżulin ta' Alla? Alla stess hu dak li jiġġustifikahom.

34Min se jikkundannahom? Kristu Ġesù li miet, jew aħjar, li qam mill-imwiet,
jinsab fuq il-lemin ta' Alla, hu li jidħol għalina.

35Min se jifridna mill-imħabba ta' Kristu? It-taħbit, id-dwejjaq, il-persekuzzjoni,
il-ġuħ, l-għera, it-tiġrib, ix-xabla?

36Bħalma hu miktub: "Minħabba fik il-jum kollu jikkundannawna għall-mewt;
jgħodduna bħal nagħaġ għall-qatla."

37Imma f'dan kollu aħna aktar minn rebbieħa bis-saħħa ta' dak li ħabbna.

38Għax jiena żgur li la l-mewt u la l-ħajja, la l-anġli u la l-qawwiet, la ż-żmien
t'issa u la ta' li ġej, la setgħat,

39la l-għoli u lanqas il-fond, u ebda ħliqa oħra ma jistgħu qatt jifirduna mill-
imħabba ta' Alla li dehret fi Kristu Ġesù Sidna.

## Rumani 9

### L-għażla ta' Iżrael


© 2020 Malta Bible Society.

1Ngħidilkom is-sewwa fi Kristu, m'iniex nigdeb, tixhidli l-istess kuxjenza tiegħi
fl-Ispirtu s-Santu,

2li jiena mnikket għall-aħħar, u dejjem qalbi maqsuma;

3nixtieq li kont jiena stess maqtugħ minn Kristu minħabba f'ħuti, nies ġensi
skont il-ġisem:

4l-Iżraelin. Tagħhom hija l-adozzjoni ta' wlied Alla u l-glorja, il-pattijiet u l-Liġi,
il-liturġija u l-wegħdiet;

5tagħhom huma l-patrijarki; u kien minnhom li, skont il-ġisem, ħareġ Kristu, li
hu fuq kollox, Alla mbierek għal dejjem ta' dejjem. Ammen!

6Mhux li l-wegħda ta' Alla sfat fix-xejn; għax mhux dawk kollha li huma mnissla
minn Iżrael huma Iżraelin.

7Mhux dawk kollha li huma min-nisel ta' Abraham huma wliedu għax il-wegħda
kienet din: "Minn Iżakk jissejjaħ in-nisel tiegħek."

8Dan ifisser, mhux ulied il-ġisem huma wlied Alla, imma l-imwielda bis-saħħa
tal-wegħda huma magħduda b'ulied Abraham.

9Il-wegħda kienet tgħid: "Bħal dan iż-żmien jien nerġa' niġi għandek u Sara
jkollha iben."

10U mhux hekk biss, imma l-istess ġara meta Rebekka kellha ż-żewġ uliedha
minn Iżakk missierna.

11Kienu għadhom ma tweldux, bla ma kienu għadhom għamlu xejn la tajjeb u
anqas ħażin - biex il-pjan tal-għażla ta' Alla jseħħ bis-saħħa ta' Alla, li sejjaħ,

12u mhux bis-saħħa tal-opri - Alla qalilha: "Il-kbir iservi liż-żgħir"

13kif inhu miktub ukoll: "Ħabbejt lil Ġakobb u bgħadt lil Għesaw ."

14Xi ngħidu mela? Li Alla ma jagħmilx sewwa? Ma jkun qatt.

15Alla qal lil Mosè: "Inħenn għal min inħenn; u nitħassar lil min nitħassar."

16Mhux x'wieħed irid jew kemm jitħabat li jgħodd, iżda għal min Alla jħenn.

17L-Iskrittura tgħid lill-Fargħun: "Għalhekk qajjimtek, biex nuri l-qawwa tiegħi
bik u nxandar ismi mal-art kollha."

18Hu jħenn għal min irid, u jwebbes il-qalb ta' min irid.

### Il-ħniena u l-korla ta' Alla

19Imma tista' tgħidli: "Għaliex jibqa' jċanfar? Min jista' jieqaf lir-rieda tiegħu?"

20Ja bniedem, int min int biex teħodha ma' Alla? Forsi l-fuħħar jeħodha kontra
l-ħaddiem u jgħidlu: "Għaliex għamiltni hekk?"


© 2020 Malta Bible Society.

21Ma jistax il-ħaddiem tal-fuħħar jagħmel mit-taħlita tat-tafal oġġett ta' ġieħ jew
oġġett ta' għajb?

22Jekk Alla li jrid juri l-korla tiegħu u jgħarraf il-qawwa tiegħu, issaporta b'sabar
kbir l-oġġetti tal-korla lesti għall-qerda;

23biex imbagħad jgħarraf l-għana tal-glorja tiegħu għall-oġġetti tal-ħniena, li hu
ħejja għall-glorja minn qabel, jiġifieri,

24lilna li hu sejjaħ, mhux biss mil-Lhud, imma wkoll mill-Ġentili…

25Bħalma jgħid fil-Ktieb ta' Hosegħa: "Insejjaħ lil dak li mhux poplu tiegħi: 'Il-
Poplu Tiegħi' u lil dik li mhijiex maħbuba, 'Maħbuba.'

26 U jiġri li fejn kienu jsejħulhom: 'Intom m'intomx il-Poplu Tiegħi,' hemm
isejħulhom: 'Ulied Alla l-Ħaj.' "

27Isaija għolla leħnu u qal dwar Iżrael: "Ukoll jekk stess l-għadd ta' wlied Iżrael
ikun daqs ir-ramel tal-baħar, il-fdal biss isalva,

28għax il-Mulej dalwaqt jagħmel il-kont u jaqtagħha fil-qasir mad-dinja kollha."

29Kif ukoll il-profeta Isaija qal minn qabel: "Li kieku l-Mulej tal-eżerċti ma
ħallilniex nisel, konna nsiru bħal Sodoma, u 'l Gomorra konna nixbhu."

30Xi ngħidu mela? Ngħidu dan: li l-pagani li ma kinux ifittxu l-ġustizzja kisbu l-
ġustizzja, il-ġustizzja li ġejja mill-fidi;

31imma Iżrael, li kienu jfittxu l-Liġi li tieħu għall-ġustizzja, ma laħqux l-iskop tal-
Liġi.

32Għaliex? Għax ma fittxewhiex permezz tal-fidi, imma permezz tal-opri.
Tfixklu fil-ġebla tat-tfixkil

33skont ma hu miktub: "Arawni! Jien inqiegħed f'Sijon ġebla għat-tfixkil u blata
tat-tiġrif, u min jemmen fiha ma jitħawwadx."

## Rumani 10

1L-aħwa, nixtieq tassew minn qalbi nitlob quddiem Alla li niesi jsalvaw.

2Jien xhud għalihom li huma għandhom il-ħeġġa għal Alla, iżda din mhijiex
ħeġġa skont l-għerf veru.

3Għax m'għarfux il-ġustizzja ta' Alla, imma fittxew il-ġustizzja tagħhom, u
għalhekk ma qagħdux għall-ġustizzja ta' Alla.

4L-iskop tal-Liġi hu Kristu għall-ġustizzja għal min jemmen fih.

### Is-salvazzjoni għal kulħadd

5Fuq il-ġustizzja li tiġi mil-Liġi, Mosè kiteb: "Il-bniedem li jħarisha jgħix biha."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

[6]U dwar il-ġustizzja li tiġi mill-fidi jgħid hekk: "Tgħidx f'qalbek, 'Min sa jitla' fis-
sema?' jiġifieri biex iniżżel lil Kristu;

[7]anqas: 'Min sa jinżel fil-qiegħ?' jiġifieri, biex iġib lil Kristu mill-imwiet."

[8]Imma xi tgħid l-Iskrittura? "Il-kelma qiegħda ħdejk, f'fommok u f'qalbek";
jiġifieri, il-kelma tal-fidi li aħna nxandru.

[9]Għax jekk inti tistqarr b'fommok, "Ġesù hu l-Mulej", u temmen b'qalbek li Alla
qajmu mill-imwiet, inti ssalva.

[10]Wieħed jemmen f'qalbu biex ikollu l-ġustizzja u jistqarr b'xufftejh biex ikollu
s-salvazzjoni.

[11]L-Iskrittura tgħid, "Kull min jemmen fih ma jintilifx."

[12]Ma hemmx għażla bejn Lhudi u Grieg; hu s-Sid ta' kulħadd u għani ma' dawk
kollha li jsejħulu.

[13]Għax kull min isejjaħ isem il-Mulej isalva.

[14]Imma kif jistgħu jsejħu lil dak li ma jemmnux fih? Kif jistgħu jemmnu f'dak li
ma semgħux bih? Kif jistgħu jisimgħu jekk ma jxandrulhomx?

[15]Kif jistgħu jxandrulhom jekk ma jkunux mibgħuta? Bħalma hemm miktub:
"Kemm huma sbieħ riġlejn dawk li jħabbru l-ġid."

[16]Iżda mhux kulħadd qagħad għall-kelma tal-Evanġelju. Isaija ħabbar: "Mulej,
min emmen il-kelma li sama' mingħandna?"

[17]Il-fidi, mela, tiġi mis-smigħ, u s-smigħ mix-xandir tal-kelma ta' Kristu.

[18]Imma ngħid jien, jaqaw ma semgħux? Żgur li semgħu. L-Iskrittura tgħid:
"Leħinhom xtered mal-art kollha , u l-kelma tagħhom laħqet truf id-dinja."

[19]Imma nistaqsi jien: "Jaqaw Iżrael ma fehemx?" L-ewwel ma jwieġeb Mosè:
"Jien inqajjimlek l-għira permezz ta' ġens mhux poplu; permezz ta' poplu bla
ras ngħaddabkom."

[20]Isaija mbagħad b'wiċċu minn quddiem jgħid: "Sabuni dawk li ma kinux
ifittxuni, dhert lil dawk li ma kinux jistaqsu għalija."

[21]U dwar Iżrael jissokta: "Il-jum kollu jien ftaħt idejja lil poplu li ma jemminx u
li qam kontrija."

## Rumani 11

### Is-salvazzjoni tal-fdal ta' Iżrael

[1]Issa nistaqsi jien, "Forsi Alla ċaħad il-poplu tiegħu?" Żgur li le! Għax jien ukoll
Iżraeli, min-nisel ta' Abraham, mit-tribù ta' Benjamin.


© 2020 Malta Bible Society.

2Alla ma ċaħdux lill-poplu tiegħu, li hu kien għażlu sa minn qabel. Ma tafx xi
tgħid fuq Elija l-Iskrittura? Kif tkellem ma' Alla kontra Iżrael:

3"Mulej, qatlu lill-profeti tiegħek, kissru l-artali tiegħek, jien waħdi bqajt u issa
qegħdin ifittxuli ħajti?"

4Iżda x'wieġbu Alla? "Jien ħallejt għalija sebat elef raġel li ma niżlux
għarkupptejhom quddiem Bagħal."

5Hekk issa wkoll f'dan iż-żmien hemm il-fdal skont l-għażla tal-grazzja.

6U, jekk inhu bis-saħħa tal-grazzja, mela mhux aktar bis-saħħa tal-opri; inkella
l-grazzja ma tibqax aktar grazzja.

7Xi ngħidu, mela? Il-poplu ta' Iżrael ma sabx dak li kien ifittex, iżda dawk li kienu
magħżula sabuh; il-bqija webbsu rashom

8kif inhu miktub: "Alla tahom spirtu ta' ngħas fuqhom, għajnejn biex ma jarawx,
widnejn biex ma jisimgħux, sal-ġurnata tal-lum."

9U David iżid: "Jalla tkun il-mejda tagħhom nasba u nassa, it-tfixkil u l-ħlas li
ħaqqhom.

10 Halli jiddallmu għajnejhom biex ma jarawx; u lwielhom daharhom għal
dejjem."

### Is-salvazzjoni tal-pagani

11Mela, ngħid jien, jaqaw tfixklu biex waqgħu għal kollox? Żgur li le! Imma bis-
saħħa tal-ħtija tagħhom waslet is-salvazzjoni għand il-pagani biex il-Lhud
tiġihom l-għira għalihom.

12Jekk, mela, il-ħtija tal-Lhud sfat ta' ħafna ġid għad-dinja, u l-waqgħa tagħhom
ta' ħafna ġid għall-pagani, kemm se tkun aktar is-salvazzjoni tagħhom ilkoll.

13U issa ngħid lilkom il-pagani. Sakemm jiena appostlu tal-pagani nibqa'
nagħmel ġieħ lill-ministeru tiegħi,

14bit-tama li nqajjem l-għira ta' ġensi u hekk insalva lil xi wħud minnhom.

15Għax jekk it-tkeċċija tagħhom ġiebet il-ħbiberija tad-dinja ma' Alla, l-ilqugħ
tagħhom mill-ġdid xi jkun ifisser, jekk mhux ħajja mill-imwiet?

16Jekk l-ewwel frott hu mqaddes, hekk ukoll hi l-għaġna kollha; u jekk hu
mqaddes l-għerq, hekk ukoll huma l-friegħi.

17Jekk xi wħud mill-friegħi tqaċċtu, int li int żebbuġa selvaġġa, li kont imlaqqam
fuqhom u taqsam magħhom l-għerq u terda' s-sustanza taż-żebbuġa,

18la tiftaħarx minn fuq il-friegħi mqaċċta. Jekk int tiftaħar, ftakar li mhux int
iżżomm l-għerq, imma l-għerq iżomm lilek.


© 2020 Malta Bible Society.

19Int għandek mnejn tgħid: "Il-friegħi tqaċċtu, biex nitlaqqam jien flokhom."

20Tajjeb! Tqaċċtu, għax ma emmnux; imma int qiegħed iżżomm bil-fidi. Timliex
rasek, iżda ibża'.

21Jekk Alla ma ħafirhiex lill-friegħi naturali, anqas ma jaħfirha lilek.

22Qis, mela, it-tjieba u l-ħruxija ta' Alla: ħruxija għal dawk li waqgħu, u t-tjieba
għalik jekk tibqa' fit-tjieba tiegħu; inkella int ukoll titqaċċat.

23Huma wkoll jerġgħu jitlaqqmu jekk ma jibqgħux ma jemmnux; għax Alla
għandu l-qawwa li jerġa' jlaqqamhom.

24Jekk int ġej miż-żebbuġa selvaġġa u kontra n-natura kont imlaqqam f'żebbuġa
tajba, kemm iktar jistgħu jitlaqqmu fiż-żebbuġa tagħhom stess dawk li skont in-
natura ġejjin minnha!

### Is-salvazzjoni ta' Iżrael

25Ma rridx li ma tkunux tafu, l-aħwa, dan il-misteru, li ma tmorrux taħsbu li
intom xi għorrief; l-ebusija tal-qalb li waqgħet fuq parti minn Iżrael tibqa'
sakemm tidħol il-milja tal-pagani;

26u hekk Iżrael kollu jkun salv. Kif inhu miktub: "Għad joħroġ minn Sijon il-
Feddej; ineħħi l-ħażen minn Ġakobb.

27 U dan ikun il-patt tiegħi magħhom: meta nneħħilhom dnubiethom."

28Skont l-Evanġelju huma għedewwa minħabba fikom; skont l-għażla huma
maħbuba minħabba missirijiethom.

### Alla ma jiħux lura d-doni tiegħu

29Alla ma jreġġax lura d-doni u s-sejħa tiegħu.

30Bħalma fl-imgħoddi intom ma kontux tobdu lil Alla, imma issa sibtu l-ħniena
tiegħu minħabba d-diżubbidjenza tagħhom;

31hekk huma wkoll mhumiex jobduh minħabba l-ħniena li sibtu intom
mingħandu, ħalli issa huma wkoll isibu l-ħniena.

32Għax Alla ħalla 'l kulħadd fil-jasar tad-diżubbidjenza, biex jagħmel ħniena ma'
kulħadd.

33Kemm huma kbar l-għana, l-għerf u l-għaqal ta' Alla! Kemm tassew ħadd ma
jista' jgħarbel il-ġudizzju tiegħu u jifhem it-triqat tiegħu!

34 Għax min qatt għaraf moħħ il-Mulej? Min qatt kien il-kunsillier tiegħu?

35 Min qatt tah l-ewwel biex jistħoqqlu l-ħlas?

36Kollox ġej minnu, kollox permezz tiegħu, kollox għalih. Lilu l-glorja għal
dejjem ta' dejjem. Ammen!


© 2020 Malta Bible Society.

# Rumani 12

### Il-ħajja ġdida fi Kristu

[1]Nitlobkom, l-aħwa, għall-ħniena ta' Alla, offru ġisimkom b'sagrifiċċju ħaj, qaddis, jogħġob lil Alla, jiġifieri l-qima spiritwali tagħkom.

[2]Timxux max-xejra ta' din id-dinja, iżda nbidlu skont it-tiġdid ta' fehmietkom, biex iseħħilkom tagħrfu x'inhi r-rieda ta' Alla, x'inhu t-tajjeb li jogħġbu, x'inhu perfett.

[3]Jiena ngħidilkom ilkoll bis-saħħa tal-grazzja li tani Alla: tippretendux li intom xi ħaġa aktar milli intom kif għandu jkun! Iżda kull wieħed minnkom iżomm ruħu ta' li hu skont il-qjies tal-fidi li tah Alla.

[4]Bħalma aħna għandna ħafna membri f'ġisem wieħed, iżda mhux il-membri kollha għandhom l-istess xogħol,

[5]hekk aħna ġisem wieħed fi Kristu u kull wieħed minna membru tal-ieħor.

[6]Aħna għandna doni differenti skont il-grazzja li Alla tana; jekk għandna d-don tal-profezija, ħa nħaddmuh skont il-qjies tal-fidi;

[7]jekk għandna d-don tal-ministeru, ħa nservu; min għandu d-don tat-tagħlim, ħa jgħallem;

[8]min id-don tat-tħeġġiġ, ħa jħeġġeġ; min id-don tat-tqassim, ħa jqassam b'idejh miftuħa; min għandu l-awtorità fuq l-oħrajn, ħa jmexxi bil-ħerqa; min id-don tal-opri tal-ħniena, ħa jagħmel dan bil-ferħ.

### Il-liġi tal-ħajja nisranija

[9]Qisu li l-imħabba tagħkom ma tkunx wiċċ b'ieħor; taħmlux il-ħażen; żommu mat-tajjeb.

[10]Ħobbu lil xulxin bħal aħwa; fittxu li tistmaw lil xulxin.

[11]Tħallux il-ħrara tagħkom tibred, tħeġġu fl-ispirtu, aqdu lill-Mulej.

[12]Ifirħu bit-tama, stabru fl-hemm, itolbu bla waqfien.

[13]Aqsmu ġidkom mal-qaddisin li jinsabu fil-bżonn; ilqgħu f'darkom lill-barranin.

[14]Bierku lil dawk li jippersegwitawkom; bierku, u la tisħtu lil ħadd.

[15]Ifirħu ma' min jifraħ, ibku ma' min jibki.

[16]Aħsbu f'xulxin l-istess, taħsbux fi ħwejjeġ kbar, imma fittxu l-umli. Tagħmluhiex ta' għorrief.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

17Troddu lil ħadd deni b'deni. Ħa jkun ħsiebkom filli tagħmlu t-tajjeb quddiem il-bnedmin kollha.

18Jekk jista' jkun, sakemm ikun ġej minnkom, għixu fil-paċi ma' kulħadd.

19Tivvendikawx ruħkom b'idejkom, għeżież tiegħi, imma ħallu l-korla ta' Alla tagħmel hi, għax hemm miktub: "Għalija l-vendetta, jiena nħallas, jgħid il-Mulej."

20Jekk l-għadu tiegħek bil-ġuħ, itimgħu; jekk hu bil-għatx, isqih. Jekk tagħmel hekk tkun qiegħed tiġma' ġamar jaqbad fuq rasu.

21Tħallix il-ħażen jirbħek, iżda irbaħ il-ħażen bit-tajjeb.

## Rumani 13

### Ubbidjenza lill-awtorità

1Kull bniedem għandu jobdi lill-awtorità ta' fuqu. Ma hemmx awtorità jekk mhix ġejja minn Alla; u l-awtoritajiet li hemm, qegħdin hemm bl-ordni ta' Alla.

2Għalhekk, dawk li jeħduha kontra l-awtorità jkunu qegħdin jeħduha kontra l-ordni mwaqqaf minn Alla; u dawk li jeħduha kontra Alla, ikunu qegħdin jiġbdu l-kundanna fuqhom infushom.

3Jibżgħu mill-awtoritajiet mhux dawk li jagħmlu t-tajjeb, iżda dawk li jagħmlu l-ħażin. Trid ma tibżax minn min għandu s-setgħa? Agħmel it-tajjeb, u jkollok it-tifħir mingħandu.

4Għax qaddej ta' Alla hu għall-ġid tiegħek. Jekk inti tagħmel il-ħażin, ibża' minnhom. Mhux għal xejn li l-kap iġib ix-xabla; hu l-ministru ta' Alla biex jikkastiga u jitħallas minn min jagħmel il-ħażen.

5Għalhekk jeħtieġ li toqogħdu għall-awtoritajiet, mhux biss minħabba l-korla, imma wkoll minħabba l-kuxjenza.

6Għalhekk ukoll ħallsu t-taxxi; għax l-awtoritajiet huma uffiċjali ta' Alla għal dan ix-xogħol. Meta jagħmlu dan, ikunu qegħdin jaqdu dmirhom.

7Agħtu lil kulħadd dak li ħaqqu, taxxi lil min imissu t-taxxi, dazju lil min imissu d-dazju, rispett lil min imissu r-rispett, ġieħ lil min imissu l-ġieħ.

### Ħobbu lil xulxin

8Tkunu obbligati lejn ħadd ħlief li tħobbu lil xulxin. Kull min iħobb ikun iħares il-bqija tal-Liġi.

9Għax il-kmandamenti: "La tagħmilx adulterju, la toqtolx, la tisraqx, la tkunx rgħib," u kull preċett ieħor, hu liema hu, kollha jinġabru f'kelma waħda: "Ħobb il-proxxmu tiegħek bħalek innifsek."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

10L-imħabba ma tagħmilx deni lill-proxxmu; mela l-imħabba hi l-milja tal-Liġi.

### Inqumu min-ngħas

11Barra minn dan, intom tafu f'liema żmien qegħdin. Waslet is-siegħa li intom
tqumu min-ngħas; għax is-salvazzjoni tagħna hi eqreb minn meta bdejna
nemmnu.

12Il-lejl għoddu għadda, u qorob il-jum. Inwarrbu mela l-għemil tad-dlam u
nilbsu l-armi tad-dawl.

13Ngħixu kif jixraq, bħal f'binhar; mhux bl-ikel iż-żejjed u s-sokor, mhux biż-
żina u t-tbahrid, mhux bil-ġlied u l-għira.

14Imma ilbsu lil Sidna Ġesù Kristu u ħallukom mill-ħsieb tal-ġisem u l-ġibdiet
tiegħu.

## Rumani 14

### Tiġġudikax lil ħuk

1Lil min hu dgħajjef fil-fidi ilqgħuh mingħajr ma toqogħdu tiddiskutu l-fehmiet
tiegħu.

2Hemm min jaħseb li jista' jiekol kollox, u hemm min, imbagħad, għax hu
dgħajjef fil-fidi, jiekol ħaxix biss.

3Min jiekol kollox m'għandux imaqdar lil min ma jikolx; u min ma jikolx
m'għandux jiġġudika lil min jiekol, għax Alla laqa' lilu wkoll.

4Int min int biex tagħmel ħaqq mill-qaddej ta' ħaddieħor? Jekk iżommx wieqaf
jew jaqax, dan jarah sidu. Iżda huwa jżomm wieqaf, għax il-Mulej għandu kull
ħila li jżommu wieqaf.

5Hemm min jagħżel bejn jum u ieħor, u hemm min iqis il-jiem kollha xorta. Ha
jżomm kulħadd il-fehma tiegħu.

6Min iħares il-jum, iħarsu għall-ġieħ tal-Mulej; u min jiekol, jiekol għall-ġieħ tal-
Mulej, ladarba b'hekk ikun qiegħed jiżżi ħajr lil Alla. U min ma jikolx, ma jikolx
għall-ġieħ tal-Mulej, u hu wkoll ikun qiegħed jiżżi ħajr lil Alla.

7Għax ħadd minna ma jgħix għalih innifsu, u ħadd ma jmut għalih innifsu.

8Jekk ngħixu, ngħixu għall-Mulej; jekk immutu, immutu għall-Mulej. Sew jekk
ngħixu, mela, sew jekk immutu, aħna tal-Mulej.

9Kristu għalhekk miet u rxoxta, biex ikun Sid kemm tal-ħajjin u kemm tal-
mejtin.

10Imma int, għax għandek tagħmel ħaqq minn ħuk? Jew lil ħuk, għaliex għandek
tmaqdru? Aħna lkoll għad nidhru quddiem it-tribunal ta' Alla;

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

11għax hemm miktub: "Daqs kemm jien ħaj, jgħid il-Mulej, quddiemi għad jinżel
għarrkupptejh kull bniedem, u kull ilsien għad ifaħħar lil Alla."

12Għalhekk kull wieħed minna għad jagħti kont tiegħu nnifsu lil Alla.

### Tfixkilx lil ħuk

13Ma niġġudikawx iżjed, mela, lil xulxin. Aħjar taraw li ma tkunux ta' tfixkil jew
ta' skandlu għal ħukom.

14Għax jiena naf, u minn dan jiena żgur fil-Mulej Ġesù, li xejn ma hemm imniġġes
minnu nnifsu. Imma jekk xi ħadd jidhirlu li ħaġa hi mniġġsa, għalih tkun
imniġġsa.

15Jekk minħabba l-ikel tiegħek tħalli lil ħuk iġarrab il-ħsara, inti ma tkunx
qiegħed timxi bl-imħabba. Qis li ma tmurx, minħabba l-ikel tiegħek, iġġarraf lil
dak li għalih miet Kristu.

16Tħallux illi t-tajjeb li għandkom ikun kaġun ta' tkasbir għalik.

17Is-Saltna ta' Alla mhijiex ikel u xorb, imma hi ġustizzja, u sliem, u grazzja fl-
Ispirtu s-Santu.

18Min jaqdi lil Kristu f'dan, ikun jogħġob lil Alla, u jinġieb mill-bnedmin.

19Halli nfittxu, mela, dak li jġib is-sliem u dak li jservi għall-edifikazzjoni ta'
xulxin.

20Tħallix li bl-ikel tiegħek titħassar l-opra ta' Alla. Kollox safi, imma jagħmel
ħażin il-bniedem li jiekol xi ħaġa li biha jiskandalizza lil ħaddieħor.

21It-tajjeb hu li la tiekol laħam u lanqas tixrob inbid u ma tagħmel xejn li jista'
jfixkel lil ħuk.

22Il-konvinzjoni tal-kuxjenza tiegħek żommha għalik quddiem Alla. Hieni l-
bniedem li ma jikkundannax lilu nnifsu meta jaqtagħha x'se jagħmel.

23Min jiekol bid-dubju hu kkundannat għax mhux miexi skont il-konvinzjoni
tal-kuxjenza tal-fidi, u kulma mhux mill-konvinzjoni tal-fidi hu dnub.

## Rumani 15

### Fittxu għoġbu lil ħutkom

1Aħna li aħna sħaħ fil-fidi għandna ngħinu lid-dgħajfa jerfgħu l-piż tagħhom u
mhux infittxu nogħġbu lilna nfusna.

2Kull wieħed minna għandu jfittex jogħġob lil għajru għall-ġid tiegħu.

3Għax Kristu ma fittixx jogħġob lilu nnifsu, kif inhu miktub: "It-tagħjir ta' dawk
li għajru lilek waqa' fuqi."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

4Kulma nkiteb fl-Iskrittura fl-imgħoddi, inkiteb għat-tagħlim tagħna, biex bis-
sabar u bil-faraġ li tagħtina l-Iskrittura, aħna jkollna t-tama.

5Alla, li minnu ġej kull sabar u faraġ, jagħtikom il-grazzja li tkunu fehma waħda
bejnietkom skont Kristu Ġesù,

6biex b'fomm wieħed u b'qalb waħda tfaħħru lil Alla u Missier Sidna Ġesù
Kristu.

### L-Evanġelju għal-Lhud u l-pagani

7Għalhekk ilqgħu lil xulxin bħalma Kristu wkoll laqa' lilkom, għall-glorja ta' Alla.

8Jiena ngħidilkom li Kristu sar qaddej tal-Lhud ċirkonċiżi minħabba l-fedeltà ta'
Alla, biex iseħħu l-wegħdiet li għamel lill-Patrijarki,

9u biex il-pagani wkoll ifaħħru lil Alla minħabba l-ħniena tiegħu bħalma hu
miktub: "Għalhekk jiena nfaħħrek fost il-ġnus u ngħanni tifħir ismek."

10U ttenni tgħid: "Ifirħu, intom ġnus, flimkien mal-poplu tiegħu";

11u terġa': "Faħħru lill-Mulej, intom ġnus kollha, ħa jfaħħruh il-popli kollha."

12U jerġa' jgħid ukoll Isaija: "U joħroġ għerq minn Ġesse ; iqum biex jaħkem il-
ġnus ; u fih il-ġnus iqiegħdu t-tama tagħhom."

13U Alla tat-tama jimliekom ilkoll bil-ferħ u s-sliem permezz tal-fidi tagħkom,
sabiex it-tama tagħkom toktor bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu.

### Il-missjoni u x-xewqa ta' Pawlu

14Jien żgur minnkom l-aħwa, li intom ilkoll mimlija bit-tjieba u bl-għerf kollu,
kapaċi twiddbu lil xulxin.

15Imma jien għamilt il-qalb u ktibtilkom biex infakkarkom f'xi ħwejjeġ. Dan
għamiltu bil-grazzja li tani Alla

16li nkun ministru ta' Kristu Ġesù fost il-pagani, ikkonsagrat biex naħdem għall-
Evanġelju ta' Alla u nagħmel mill-ġnus offerta mqaddsa mill-Ispirtu s-Santu u li
togħġob lil Alla.

17Għalhekk jien għandi biex nitkabbar fi Kristu Ġesù fis-servizz tiegħi għal Alla.

18Ma nissogra nsemmi xejn, jekk mhux dak li għamel Kristu permezz tiegħi biex
inwassal il-pagani għall-ubbidjenza bil-kelma u bl-għemil,

19bil-qawwa tas-sinjali u l-mirakli, bil-qawwa tal-Ispirtu ta' Alla. Hekk permezz
tiegħi seħħ ix-xandir tal-Evanġelju ta' Kristu minn Ġerusalemm u l-inħawi ta'
madwarha sal-Illirja.

20Ix-xewqa tiegħi hi li nxandar l-Evanġelju fejn qatt ma ssemma Kristu, sabiex
ma nkunx bnejt fuq sisien li jkun qiegħed ħaddieħor;

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

21kif inhu miktub: "Biex dawk li qatt ma kellhom l-aħbar jaraw; u dawk li qatt ma semgħu bih jifhmuh."

### Pawlu jrid iżur Ruma

22Għalhekk dejjem kien hemm xi jżommni li niġi għandkom.

23Issa, billi f'dawn l-inħawi ma għandix post ieħor fejn immur u billi minn ħafna snin 'l hawn kelli x-xewqa li niġi sa għandkom,

24nittama li meta nkun fi triqti lejn Spanja, ngħaddi narakom, jiena u għaddej minn hemm; u nieħu mingħandkom li jkolli bżonn għall-vjaġġ, wara li nkun gawdejt il-kumpanija tagħkom għal xi ftit żmien.

25Issa sa mmur Ġerusalemm biex naqdi lill-qaddisin;

26għax in-nies tal-Maċedonja u l-Akaja għoġobhom jaqsmu ġidhom mal-fqar li hemm Ġerusalemm fost il-qaddisin.

27Hekk għoġobhom, iżda dan hu dmirhom: jekk il-pagani għandhom mingħand il-Lhud il-ġid spiritwali, huma fid-dmir li jservuhom fil-ħwejjeġ materjali.

28Meta nkun temmejt dan u nkun tajthom din il-ġabra, nitlaq lejn Spanja u ngħaddi għandkom.

29Jiena naf li meta nasal għandkom, il-miġja tiegħi tkun mimlija bil-barka ta' Kristu.

30Inħeġġiġkom, l-aħwa, permezz ta' Sidna Ġesù Kristu u permezz tal-imħabba tal-Ispirtu, tqabdu miegħi intom u itolbu lil Alla għalija

31biex jeħlisni minn dawk fil-Lhudija li ma jemmnux, u biex is-servizz tiegħi jkun milqugħ tajjeb mill-qaddisin f'Ġerusalemm.

32Imbagħad, jekk Alla jrid, niġi għandkom ferħan u jkolli ftit tal-mistrieħ għandkom.

33Alla tas-sliem ikun magħkom ilkoll. Ammen.

## Rumani 16

### Rakkomandazzjonijiet u tislijiet

1Nirrikkmandalkom lil Febi oħtna, li qiegħda sservi lill-knisja ta' Kenkri;

2ilqgħuha fil-Mulej, kif jixraq lill-qaddisin, u agħtuha kulma teħtieġ mingħandkom, għax hi stess kienet ta' għajnuna għal ħafna, u għalija wkoll.

3Selluli għal Priska u Akwila, li ħadmu miegħi fi Kristu Ġesù,

4għax huma wkoll issugraw ħajjithom għalija biex isalvawni; u mhux jien biss għandi għax nirringrazzjahom iżda wkoll il-knejjes kollha tal-Ġentili;

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

5inselli wkoll għall-knisja li tiltaqa' f'darhom. Sellu għal Epenetu, il-maħbub tiegħi, l-ewwel frott għal Kristu fl-Asja.

6Sellu għal Marija, li tħabtet ħafna għalikom.

7Sellu għal Androniku u Ġunja, qraba tiegħi u priġunieri miegħi, magħrufa fost l-appostli, u li emmnu fi Kristu qabli.

8Sellu għal Amplijatu, il-maħbub tiegħi fil-Mulej.

9Sellu għal Urbanu li ħadem magħna fi Kristu, u Staki l-maħbub tiegħi.

10Sellu għal Apelli li ta x-xhieda tiegħu nnifsu għal Kristu. Sellu għall-familja ta' Aristobulu.

11Sellu għal Erodjon, il-qarib tiegħi. Sellu wkoll għal dawk li huma fil-Mulej fid-dar ta' Narċissu.

12Sellu għal Trifena u Trifosa li qegħdin jitħabtu fil-Mulej. Sellu għal Persi l-maħbuba, li tħabtet ħafna fil-Mulej.

13Sellu għal Rufu l-magħżul fil-Mulej, u għall-omm tiegħu u tiegħi.

14Sellu għal Asinkretu, Felgon, Ermi, Patroba, Erma, u l-aħwa li għandhom magħhom.

15Sellu għal Filologu u Ġulja, Nerija, u oħthom, u Olimpja, u l-qaddisin kollha li hemm magħkom.

16Sellmu lil xulxin b'bewsa qaddisa. Il-knejjes kollha ta' Kristu jsellmulkom.

17Inħeġġiġkom, l-aħwa, biex toqogħdu attenti minn dawk li jġibu l-firda u t-tfixkil kontra t-tagħlim li intom tgħallimtu, u żommu 'l bogħod minnhom.

18Dawn mhumiex jaqdu lil Kristu Sidna, iżda l-passjonijiet tagħhom; bil-kliem u t-tmellis iqarrqu bil-qlub ta' nies bla malizzja.

19L-ubbidjenza tagħkom sar jaf biha kulħadd. Jien nifirħilkom u rridkom tkunu għorrief fit-tajjeb imma sempliċi fil-ħażen.

20Alla tas-sliem ma jdumx ma jisħaq taħt riġlejkom lil Satana. Il-grazzja ta' Sidna Ġesù tkun magħkom.

21Isellmulkom Timotju, sieħbi fix-xogħol, Luqa u Ġason, u Sosipater, qrabati.

22Insellmilkom jiena Terzju, li ktibt din l-ittra, fil-Mulej.

23Isellmilkom Gaju li laqa' mhux biss lili, imma l-knisja kollha. Isellmilkom Erastu, l-amministratur tal-belt, u Kwartu ħuna.

**Glorja lil Alla**

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

25Lil Alla li għandu l-qawwa li jwettaqkom fl-Evanġelju li nħabbar jien, jien u
nxandar lil Ġesù Kristu, skont ir-rivelazzjoni tal-misteru li kien moħbi fis-skiet
tal-eternità;

26lil dan Alla li issa rrivelalna dan il-misteru, u għarrfu lill-ġnus bil-Kitba tal-
Profeti, skont l-ordni tiegħu, Alla ta' dejjem, biex iwassalhom għall-ubbidjenza
tal-fidi;

27lil dan Alla, waħdu fl-għerf, il-glorja għal dejjem ta' dejjem b'Ġesù Kristu.
Ammen.


© 2020 Malta Bible Society.

# 1 Korintin

## 1 Korintin 1

### Tislima

1Pawlu, li Alla ried isejjaħlu biex ikun appostlu ta' Kristu Ġesù, u Sòsteni ħuna,

2lill-knisja ta' Alla li qiegħda f'Korintu; lil dawk li tqaddsu fi Kristu Ġesù, imsejħa
biex ikunu qaddisin flimkien ma' dawk kollha li f'kull pajjiż isejħu l-isem ta'
Ġesù Kristu, is-Sid tagħhom u tagħna:

3grazzja u sliem mingħand Alla Missierna u l-Mulej Ġesù Kristu.

4Jiena niżżi ħajr dejjem lil Alla tiegħi minħabba fikom għall-grazzja li Alla
takom, lilkom fi Kristu Ġesù;

5fih intom stagħnejtu f'kollox, f'kull kelma, f'kull għerf

6daqs kemm ix-xhieda ta' Kristu kienet imwettqa fikom.

7Għalhekk m'intom nieqsa minn ebda don, intom u tistennew id-dehra ta' Sidna
Ġesù Kristu.

8Huwa hu li jwettaqkom sal-aħħar biex tkunu bla ħtija fil-jum ta' Sidna Ġesù
Kristu.

9Alla jżomm kelmtu, minnu kontu msejħin biex tidħlu fix-xirka ta' Ibnu Sidna
Ġesù Kristu.

### Firdiet fil-Knisja

10Nitlobkom, l-aħwa, f'isem Sidna Ġesù Kristu, biex tkunu taqblu fi kliemkom u
ma jkunx hemm firdiet fostkom. Kunu magħqudin kif imiss, ħsieb wieħed u
fehma waħda.

11L-aħwa, in-nies ta' Kloji qaluli fuqkom li fostkom hemm it-tilwim:

12irrid ngħid jien, li kull wieħed minnkom qiegħed jgħid, "Jiena ta' Pawlu," "U
jiena ta' Apollo," "U jiena ta' Kefa," "U jiena ta' Kristu."

13Jaqaw Kristu mifrud? Forsi Pawlu kien li ssallab għalikom jew f'isem Pawlu
tgħammidtu?

14Niżżi ħajr lil Alla li ma għammidt lil ħadd, ħlief lil Krispu u lil Gaju,

15sabiex ħadd ma jgħid li tgħammidtu f'ismi.

16Għammidt ukoll lill-familja ta' Stefanas; mill-bqija ma nafx li għammidt lil
ħaddieħor.

17Kristu ma bagħatnix biex ngħammed iżda biex inxandar l-Evanġelju, mhux bi
kliem l-għerf sabiex ma jiġix fix-xejn is-salib ta' Kristu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

### Kristu l-għerf u l-qawwa ta’ Alla

[18]Il-predikazzjoni tas-salib hija bluha għal dawk li jintilfu; imma għal dawk li jsalvaw, għalina, hi l-qawwa ta’ Alla.

[19]Bħalma hu miktub: “Neqred l-għerf tal-għorrief; inwarrab id-dehen tad-dehnin.”

[20]Fejn hu l-għaref? Fejn hu l-iskriba? Fejn hu l-filosfu ta’ din id-dinja? Forsi Alla ma bellahx l-għerf tad-dinja?

[21]U billi, fl-għerf ta’ Alla, id-dinja b’għerfha ma għarfitx lil Alla, Alla għoġbu jsalva lil min jemmen bil-bluha tal-predikazzjoni.

[22]Għax il-Lhud jitolbu s-sinjali, u l-Griegi jfittxu l-għerf,

[23]imma aħna nxandru ’l Kristu msallab, skandlu għal-Lhud u bluha għall-Griegi;

[24]iżda għal dawk li huma msejħin, sew Lhud sew Griegi, Kristu huwa l-qawwa ta’ Alla u l-għerf ta’ Alla.

[25]Għax il-bluha ta’ Alla hija għarfa iktar mill-bnedmin, u d-dgħufija ta’ Alla hija aqwa mill-bnedmin.

[26]Araw x’intom, l-aħwa li Alla sejħilkom; għax mhumiex ħafna fostkom li huma għorrief skont il-qjies tad-dinja, mhumiex ħafna s-setgħana, mhumiex ħafna n-nobbli.

[27]Imma Alla għażel in-nies boloh għad-dinja biex iħawwad l-għorrief; għażel id-dgħajfa tad-dinja biex iħawwad il-qawwija;

[28]għażel il-mistmerra mid-dinja, u n-nies li ma huma xejn, biex iġib fix-xejn ’il dawk li huma xi ħaġa.

[29]Hekk ebda bniedem ma jkun jista’ jiftaħar quddiem Alla.

[30]Minnu li intom tinsabu fi Kristu Ġesù li sar għalina l-għerf mingħand Alla, ġustizzja, qdusija u fidwa,

[31]biex bħalma hu miktub, “min jiftaħar, ħa jiftaħar fil-Mulej.”

## 1 Korintin 2

### Nippridkaw lil Kristu msallab

[1]Meta jiena wasalt għandkom, l-aħwa, ma ġejtx inħabbrilkom il-Misteru ta’ Alla bi kliem kbir jew għaref.

[2]Ma ppretendejtx li kont naf xi ħaġa fostkom, ħlief lil Ġesù Kristu, u ’l dan imsallab.

[3]U jiena ġejt għandkom dgħajjef, imbażża’ u mriegħed;

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

4il-kelma u l-predikazzjoni tiegħi ma kinux imlibbsa bil-kliem qawwi tal-għerf,
imma bil-wiri tal-Ispirtu u l-qawwa,

5sabiex il-fidi tagħkom tinbena mhux fuq l-għerf tal-bniedem, imma fuq il-
qawwa ta' Alla.

### L-Ispirtu ta' Alla

6Aħna ngħallmu l-għerf fost dawk li huma perfetti, imma mhux l-għerf ta' din
id-dinja, anqas l-għerf tal-prinċpijiet ta' din id-dinja, li se jintemmu fix-xejn.

7Ngħallmu l-għerf ta' Alla moħbi f'misteru, li Alla fassal qabel iż-żmien għall-
glorja tagħna.

8Ebda wieħed mill-mexxejja ta' din id-dinja ma għarfu; kieku għarfuh, qatt ma
kienu se jsallbu l-Mulej tal-glorja.

9Imma, bħalma hu miktub, aħna nħabbru "dak li għajn qatt ma rat u widna qatt
ma semgħet," u dak li qatt ma tnissel f'qalb il-bniedem, dak li Alla lesta għal
dawk li jħobbuh.

10Alla rrivelahulna permezz tal-Ispirtu; għax l-Ispirtu jgħarbel kollox, sa fil-
qiegħ ta' Alla.

11Min qatt għaraf dak li hemm moħbi fil-bniedem jekk mhux l-ispirtu tal-
bniedem li hemm fih? Hekk ukoll ħadd ma jagħraf dak li hemm f'Alla ħlief l-
Ispirtu ta' Alla.

12Aħna ma ħadniex l-ispirtu ta' din id-dinja, imma l-Ispirtu ta' Alla, biex nagħrfu
d-doni li Alla għoġbu jagħtina.

13Dawn il-ħwejjeġ ħabbarnihomlkom bi kliem li ma tgħallimniehx mill-għerf
tal-bnedmin, imma mill-Ispirtu, u fissirna ħwejjeġ spiritwali lil nies spiritwali.

14Il-bniedem naturali ma jilqax il-ħwejjeġ tal-Ispirtu ta' Alla; għalih huma
kollha bluha, ma jistax jifhimhom, għaliex ħadd ma jista' jgħarbilhom jekk mhux
bl-Ispirtu.

15Il-bniedem spiritwali jgħarbel kollox, u lilu ma jgħarblu ħadd.

16 Min hu dak li jista' jifhem il-ħsieb tal-Mulej biex ikun jista' jgħallmu? Imma
aħna, aħna għandna fina l-ħsieb ta' Kristu.

## 1 Korintin 3

### Ħaddiema lkoll għal Alla

1Jien ukoll, l-aħwa, ma stajtx inkellimkom bħala nies spiritwali, iżda bħala nies
tad-demm u l-laħam, bħal trabi fi Kristu.


© 2020 Malta Bible Society.

2Ħalib sqejtkom, mhux ikel, għax ma kontux tifilħu għalih, u lanqas issa ma tistgħu għalih,

3għaliex għadkom tgħixu skont il-ġisem, la darba fostkom għad hemm l-għira u l-ġlied. Ma għadkomx forsi tgħixu skont il-ġisem, u ma għadkomx timxu ta' bnedmin

4meta hemm fostkom min jgħid: 'Jien ta' Pawlu,' u ieħor: 'Jien ta' Apollo'? M'intomx taħsbuha ta' bnedmin?

5U min hu Apollo? Min hu Pawlu? Huma l-ministri li permezz tagħhom intom emmintu u kull wieħed minnhom skont ma tah il-Mulej.

6Jiena ħawwilt, Apollo saqqa, imma Alla hu li kabbar.

7Għalhekk, la min ħawwel ma hu xejn, u la min saqqa; imma Alla, li kabbar.

8Xorta waħda huma dak li ħawwel u dak li saqqa; kull wieħed jieħu l-ħlas li ħaqqu skont ma ħadem.

9Aħna ħaddiema ma' Alla; u intom l-għalqa ta' Alla, intom il-bini ta' Alla.

10Skont il-grazzja li tani Alla, bħala bennej għaqli, jiena qegħedt il-pedament. Ħaddieħor jibni fuqu; imma jqis kull wieħed kif jibni fuqu.

11Pedament ieħor ħadd ma jista' jqiegħed ħlief dak li ġa tqiegħed; u dan hu Ġesù Kristu.

12Jibni x'jibni dak li jkun fuq dan il-pedament - deheb, fidda, ħaġar prezzjuż, injam, ħuxlief, tiben -

13ix-xogħol ta' kulħadd għad jidher; il-Jum għad jurih u n-nar għad jikxfu u jipprova x'jiswa x-xogħol ta' kull wieħed.

14Jekk il-bini li wieħed ikun bena jżomm sħiħ, min jagħmlu jieħu ħlasu;

15jekk il-bini jinħaraq, ħlasu jitilfu; iżda huwa jsalva, imma jkun għadda minn ġon-nar.

16Ma tafux li intom tempju ta' Alla, u li l-Ispirtu ta' Alla jgħammar fikom?

17Jekk xi ħadd jeqred it-tempju ta' Alla, Alla jeqred lilu. Għax qaddis hu t-tempju ta' Alla, li huwa intom.

18Ħadd ma għandu jitqarraq! Jekk xi ħadd fostkom jaħseb li hu għaref f'din id-dinja, ħa jiblieh, biex isir għaref.

19Għax l-għerf ta' din id-dinja hu bluha quddiem Alla. Għax hemm miktub: "Hu li jaqbad l-għorrief fil-ħażen tagħhom";

20u terġa': "Il-Mulej jaf li fiergħa huma l-ħsibijiet tal-għorrief".

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

21Għalhekk ħadd ma għandu jiftaħar bil-bnedmin; għax kollox hu tagħkom,

22sew jekk Pawlu, sew jekk Apollo, sew jekk Kefa, sew jekk id-dinja, sew jekk il-ħajja, sew jekk il-mewt sew jekk iż-żmien ta' issa, sew jekk li ġej; kollox hu tagħkom,

23u intom ta' Kristu, u Kristu ta' Alla.

## 1 Korintin 4

### Il-ministeru tal-Appostli

1In-nies għandhom iħarsu lejna bħala ministri ta' Kristu u amministraturi tal-misteri ta' Alla.

2Issa barra minn dan, l-amministraturi wieħed jistenniehom li jkunu fidili.

3Iżda ngħid għalija, ftit li xejn jimpurtani li nkun iġġudikat minnkom jew minn xi tribunal tal-bnedmin; anqas jiena stess ma niġġudika lili nnifsi.

4Tassew li jiena stess ma nħoss xejn fuq il-kuxjenza tiegħi; iżda mhux b'daqshekk jien iġġustifikat; hu l-Mulej li jiġġudikani.

5Għalhekk tiġġudikawx qabel il-waqt sa ma jiġi l-Mulej: hu għad joħroġ għad-dawl dak li hu moħbi fid-dlam, u jikxef il-fehmiet mistura tal-qlub. U mbagħad kull wieħed jieħu mingħand Alla t-tifħir li jkun jistħoqqlu.

6Dan kollu, l-aħwa, għidtu għalija u għal Apollo minħabba fikom, biex minna intom titgħallmu x'jiġifieri: "Mhux iktar milli hemm miktub", ħalli ħadd minnkom ma jintefaħ b'wieħed kontra l-ieħor.

7Int, min hu li għażlek? X'għandek li ma ngħatalikx? U jekk ingħatalek, l-għala tiftaħar bħallikieku ma ngħatalek xejn?

8Intom ġa mxebbgħin! Intom ġa stagħnejtu! Issaltnu mingħajrna! Jalla ssaltnu ħa nsaltnu aħna wkoll magħkom.

9Jien naħseb li lilna l-appostli Alla xeħitna għall-aħħar wara kulħadd bħallikieku telaqna għall-mewt; għax sirna spettaklu għad-dinja, għall-anġli u għall-bnedmin.

10Aħna boloh minħabba fi Kristu, intom għaqlin fi Kristu; aħna dgħajfa, u intom qawwija; intom nies tal-ġieħ, aħna bla ġieħ.

11Sa issa stess aħna bil-ġuħ u bil-għatx, bilkemm imlibbsa; imsawta u bla dar;

12ninkeddu u naħdmu b'idejna stess. Iżebilħuna, u nbierku; jaħqruna, u nistabru;

13jgħidu fuqna, u nwieġbu bil-ħlewwa. Sirna qisna l-knis tad-dinja, ir-rimi ta' kulħadd sal-lum.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[14]M'iniex nikteb dan biex inħammrilkom wiċċkom, imma biex inwiddibkom,
bħal uliedi għeżież.

[15]Għax jekk għandkom bl-eluf għalliema fi Kristu, ma għandkomx ħafna
missirijiet; għax jiena hu li, bl-Evanġelju, nissiltkom fi Kristu Ġesù.

[16]Bil-qawwa kollha nitlobkom: ixbhu lili.

[17]Għalhekk bgħattilkom lil Timotju, ibni l-għażiż u fidil fil-Mulej; huwa
jfakkarkom fl-imġiba tiegħi fi Kristu Ġesù kif ngħallem f'kull Knisja kullimkien.

[18]Xi wħud tkabbru, bħallikieku m'iniex ġej għandkom.

[19]Imma ma ndumx ma niġi, jekk il-Mulej irid, u nkun naf mhux it-tpaċpiċ
tagħhom, iżda x'qawwa għandhom dawn l-imkabbrin.

[20]Għax is-Saltna ta' Alla mhijiex fit-tpaċpiċ, imma fil-qawwa.

[21]Xi tridu? Niġi għandkom bil-bastun, jew bl-imħabba u bl-ispirtu tal-ħlewwa?

## 1 Korintin 5

### Kundanna taż-żina

[1]Kulħadd sama' li hemm iż-żina fostkom, u żina li anqas issibha fost il-pagani;
jiġifieri li wieħed ikollu l-mara ta' missieru!

[2]U intom titkabbru! U mhux aħjar li bkejtu, biex dak li għamel dan il-ħażen
jitwarrab minn fostkom?

[3]Jiena, ngħid għalija, imbiegħed mill-ġisem imma magħkom bl-ispirtu, ġa
għamilt ħaqq minn min għamel dan, bħallikieku kont fostkom,

[4]fl-isem ta' Sidna Ġesù. Meta tiltaqgħu fil-ġemgħa, intom u l-ispirtu tiegħi bil-
qawwa ta' Sidna Ġesù

[5]itilqu lil dan il-bniedem f'idejn ix-Xitan għall-qerda ta' ġismu, biex ruħu tkun
salva f'Jum il-Mulej.

[6]Xejn ma hu sabiħ il-ftaħir tagħkom! Ma tafux li ftit ħmira ttalla' l-għaġna
kollha?

[7]Tnaddfu mill-ħmira l-qadima ħalli tkunu għaġna ġdida, kif intom bla ħmira. Il-
Ħaruf tal-Għid tagħna, li hu Kristu, hu maqtul.

[8]Nagħmlu festa, mhux bil-ħmira l-qadima, anqas bil-ħmira tal-qerq u tal-ħażen,
imma bil-ħobż bla ħmira tas-safa u tas-sewwa.

[9]Ktibtilkom fl-ittra li ma tagħmluhiex maż-żienja;

[10]mhux li ma jkollkom xejn x'taqsmu maż-żienja ta' din id-dinja, mar-rgħiba,
jew ħallelin, jew idolatri; għax inkella jkollkom toħorġu mid-dinja.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

11Imma bħalissa qiegħed niktbilkom biex ma tagħmluhiex ma' min jissejjaħ ħukom u jkun hu żieni, rgħib, idolatra jew insolenti, sikran jew ħalliel: ma' dan lanqas biss tieklu ma għandkom.

12Jaqaw jien għandi nagħmel ħaqq mill-barranin? Mhux minn dawk ta' ġewwa tagħmlu intom il-ħaqq?

13Il-barranin jagħmel ħaqq minnhom Alla. Neħħu l-bniedem il-ħażin minn ġo nofskom.

## 1 Korintin 6

### Quddiem il-qrati pagani

1Hemm xi ħadd fostkom li, meta jkollu xi jgħid ma' ħaddieħor, għandu l-ħila jfittex il-ġustizzja għand il-pagani u mhux għand il-qaddisin?

2Jaqaw ma tafux li l-qaddisin għad jagħmlu ħaqq mid-dinja? U jekk id-dinja għad irid isirilha ħaqq minnkom, ma jixirqilkomx intom tagħmlu ħaqq minn ħwejjeġ ta' xejn?

3Ma tafux li aħna għad nagħmlu ħaqq mill-anġli? Kemm iktar, mela, mill-ħwejjeġ ta' din il-ħajja!

4Mela, meta intom ikollkom xi tgħidu bejnietkom fuq ħwejjeġ ta' din il-ħajja, tqegħdux imħallfin lil dawk li huma mistmerra mill-Knisja!

5Dan qiegħed ngħidu għall-mistħija tagħkom; jaqaw ma għandkomx fostkom xi ħadd għaref li jista' jagħmel ħaqq bejn l-aħwa?

6Imma l-aħwa jħarrku 'l xulxin, u dan quddiem il-pagani!

7U mhux ġa nuqqas għalikom li jkollkom kawżi bejnietkom? L-għala ma ssofrux l-inġustizzja? L-għala ma tagħħżlux li tħallu min iqarraq bikom?

8Mhux dan biss, imma l-inġustizzja tagħmluha intom stess, u tqarrqu bl-oħrajn, u dan lil ħutkom!

9Ma tafux li l-inġusti ma jirtuhiex is-saltna ta' Alla? La titqarrqux! La żienja, la idolatri, la adulteri, la effeminati, la omosesswali,

10la ħallelin, la rgħiba, la skaren, la qassiesa fuq in-nies, la ħattafa, ma jirtu s-saltna ta' Alla!

11U minn dawn kienu xi wħud minnkom. Imma issa tnaddaftu, tqaddistu u ġejtu ġġustifikati fl-isem ta' Sidna Ġesù Kristu u fl-Ispirtu ta' Alla tagħna.

### Sebbħu lil Alla b'ġisimkom

12"Kollox jiswa għalija," iżda mhux kollox jaqbel. "Kollox jiswa għalija," iżda ma nħalli 'l xejn jaħkimni.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

13“L-ikel għall-istonku, u l-istonku għall-ikel.” Imma Alla jeqred sew lil wieħed sew lil ieħor. Il-ġisem mhuwiex għaż-żina iżda għall-Mulej, u l-Mulej huwa għall-ġisem.

14U Alla qajjem il-Mulej u jqajjem lilna wkoll bil-qawwa tiegħu.

15Ma tafux li l-iġsma tagħkom huma membri ta’ Kristu? Jaqaw għandi nagħmel mill-membri ta’ Kristu membri ta’ mara żienja? Ma jkun qatt!

16Ma tafux li min jingħaqad ma’ mara żienja jsir ġisem wieħed magħha? Isiru, kif tgħid l-Iskrittura, it-tnejn ġisem wieħed.

17Min jingħaqad mal-Mulej hu ruħ waħda miegħu.

18Aħarbu ż-żina! Kull dnub li wieħed jagħmel hu ’l barra minn ġismu, iżda min jagħmel iż-żina jkun qiegħed jidneb kontra ġismu stess.

19Jew ma tafux li ġisimkom hu tempju tal-Ispirtu s-Santu, li jinsab jgħammar fikom, li għandkom minn Alla? Ma tafux li intom m’intomx tagħkom infuskom?

20Bil-għoli kontu mixtrija! Mela agħtu ġieħ lil Alla permezz ta’ ġisimkom.

## 1 Korintin 7

### Il-ħajja tal-miżżewwġin

1Issa ngħidu xi ħaġa fuq li ktibtuli: tajjeb li raġel ma jmissx mara;

2imma minħabba ż-żina kull wieħed għandu jkollu martu u kull mara jkollha żewġha.

3Ir-raġel għandu jagħti lil martu li jmissha; hekk ukoll il-mara lil żewġha.

4Il-mara ma għandhiex dritt fuq ġisimha, iżda żewġha fuqha; hekk ukoll ir-raġel ma għandux dritt fuq ġismu, iżda martu fuqu.

5Iċċaħħdux lil xulxin minn xulxin, jekk ma tkunux ftehemtu minn qabel għal xi żmien, biex tagħtu ruħkom għat-talb u mbagħad terġgħu bħalma kontu qabel sabiex ma jittantakomx ix-Xitan jekk ma tkunux tifilħu żżommu.

6Dan qiegħed ngħidu bħala konċessjoni, u mhux b’ordni.

7Irrid li kulħadd ikun bħali; iżda kull wieħed għandu d-don tiegħu mingħand Alla: min ħaġa u min oħra.

8Lil dawk li mhumiex miżżewġa jew huma romol, ngħidilhom li jkun tajjeb għalihom li jibqgħu bħali.

9Jekk imbagħad ma jifilħux jaħkmu lilhom infushom, ħalli jiżżewġu; aħjar wieħed jiżżewweġ milli jinħaraq bil-passjoni.


© 2020 Malta Bible Society.

10Lil dawk li huma miżżewġin nordnalhom, mhux jien, iżda l-Mulej, li l-mara ma għandhiex tħalli lil żewġha -

11jekk tiġi li tħallih, għandha tibqa' bla tiżżewweġ jew terġa' tagħmel paċi ma' żewġha - u r-raġel ma għandux jitlaq lil martu.

12Lill-oħrajn ngħidilhom jien, mhux il-Mulej: jekk wieħed mill-aħwa għandu martu ma temminx, u hi jogħġobha tgħammar miegħu, ma għandux jitlaqha.

13U l-mara, jekk għandha żewġha ma jemminx, u dan jogħġbu jgħammar magħha, ma għandhiex titilqu.

14Ir-raġel li ma jemminx jitqaddes permezz ta' martu, u l-mara li ma temminx titqaddes b'ħuha. Inkella wliedkom ikunu mniġġsa, iżda issa huma qaddisin.

15Jekk imbagħad min mit-tnejn ma jemminx, ħa jitlaq; l-aħwa nsara, irġiel jew nisa, f'dan il-każ mhumiex marbuta. Għax Alla sejħilkom biex tgħixu fis-sliem.

16Tafx int, mara, jekk issalvax lil żewġek, jew int, raġel, jekk issalvax lil martek?

## Il-ħajja li l-Mulej għażlilna

17Mill-bqija, kull wieħed jibqa' fl-istat li l-Mulej kien tah meta sejjaħlu Alla. Hekk qiegħed nordna fil-knejjes kollha.

18Kellu xi ħadd iċ-ċirkonċiżjoni meta kien imsejjaħ? Ma għandux ineħħi l-marki tagħha; xi ħadd kien bla ċirkonċiżjoni? Ma jfittixx li jagħmilha.

19Iċ-ċirkonċiżjoni ma hi xejn; biha u mingħajrha xorta waħda; li jgħodd hu l-ħarsien tal-kmandamenti ta' Alla.

20Ħalli kulħadd jibqa' fl-istat li kien meta kien imsejjaħ.

21Kont ilsir meta kont imsejjaħ, tħabbilx rasek; eħles jekk tista', imma fittex l-aħjar.

22Dak li kien ilsir meta sejjaħlu l-Mulej, issa hu bniedem ħieles fil-Mulej. Hekk ukoll, jekk wieħed kien imsejjaħ meta kien ħieles, issa hu lsir ta' Kristu.

23Intom mixtrija bi prezz għoli; tkunux issa lsiera tal-bnedmin.

24L-aħwa, ħalli jibqa' kulħadd quddiem Alla kif kien meta kien imsejjaħ.

## Ix-xebbiet u r-romol

25Dwar dawk li mhumiex miżżewġin, ma għandi ebda preċett mill-Mulej, iżda nagħtikom parir bħala wieħed li, għall-ħniena tal-Mulej, hu bniedem ta' fiduċja.

26Jidhirli, mela, li, minħabba t-taħbit tal-lum, ikun sewwa għal dak li jkun jekk jibqa' kif inhu.

27Inti marbut ma' mara? Tfittixx li tinħall. Maħlul minn mara? Tfittixx mara.


© 2020 Malta Bible Society.

28Imma wkoll jekk tiżżewweġ, ma tidnibx; anqas jekk xebba tiżżewweġ, ma tidneb. Nies bħal dawn ikollhom it-taħbit tal-ħajja, u jiena rrid kieku neħliskom minnu.

29Dan ngħidilkom, l-aħwa: iż-żmien qsar. Ħa jkunu, mela, dawk li għandhom mara, bħallikieku ma għandhomx;

30dawk li jibku, bħallikieku ma jibkux; dawk li jifirħu, bħallikieku ma jifirħux; dawk li jixtru, bħallikieku ma għandhom xejn;

31dawk li jgawdu d-dinja, bħallikieku ma jgawduhiex; għax is-sura ta' din id-dinja għad tgħaddi!

32Iva, jiena rridkom bla ħsibijiet. Ir-raġel mhux miżżewweġ, ħsiebu fil-ħwejjeġ tal-Mulej, jiġifieri, kif jogħġob lill-Mulej.

33Min hu miżżewweġ, ħsiebu fil-ħwejjeġ tad-dinja, jiġifieri, kif jogħġob lil martu,

34u hu mifrud fih innifsu. Hekk ukoll il-mara mhix miżżewġa u x-xebba ħsiebhom fil-ħwejjeġ tal-Mulej, jiġifieri, biex ikunu qaddisa f'ġisimhom u f'ruħhom. Iżda l-mara miżżewġa ħsiebha fil-ħwejjeġ tad-dinja, jiġifieri, kif togħġob lil żewġha.

35Dan qiegħed ngħidhulkom għall-ġid tagħkom, mhux biex inxekkilkom, iżda għall-ġid tagħkom u biex tgħixu marbutin mal-Mulej bla tixrid ta' moħħ.

36Imma jekk xi ħadd iħoss li mhuwiex miexi sewwa max-xebba li għandu miegħu minħabba l-passjoni qawwija tiegħu, u jħoss il-bżonn li jsir hekk, jagħmel li jogħġbu u ma jagħmel xejn ħażin: ħa jiżżewġu.

37Imma min, jekk ikun sħiħ fil-fehma tiegħu u ma jkunx magħfus mill-bżonn u għandu l-ħila jimxi skont ir-rieda tiegħu u jkun qatagħha li jżomm ix-xebba miegħu, jagħmel ħaġa tajba.

38Hekk min jiżżewweġ ix-xebba li għandu miegħu jagħmel tajjeb; min ma jiżżewwiġhiex jagħmel aħjar.

39Il-mara tibqa' marbuta ma' żewġha sakemm jibqa' ħaj. Iżda jekk żewġha jmut tkun ħielsa u tkun tista' terġa' tiżżewweġ lil min trid, basta fil-Mulej.

40Skont il-fehma tiegħi tkun iktar hienja jekk tibqa' kif tkun; u jien naħseb li jien ukoll għandi l-Ispirtu ta' Alla.

## 1 Korintin 8

### L-offerti lill-idoli

1Issa dwar il-laħam offert lill-idoli: nafu li lkoll għandna l-għerf; imma l-għerf jonfoħna; l-imħabba tibnina.


© 2020 Malta Bible Society.

2Jekk xi ħadd jidhirlu li jaf xi ħaġa, għadu ma fehemx kif għandu jkun jaf.

3Jekk xi ħadd iħobb lil Alla, lil dan Alla jagħrfu.

4Mela dwar l-ikel tal-laħam offert lill-idoli: naf li l-idolu mhu xejn fid-dinja; ħadd mhu alla ħlief wieħed.

5Imqar jekk hemm l-hekk imsejħa allat sew fis-sema sew fl-art, - u tassew hemm ħafna allat u ħafna sidien -

6għalina Alla wieħed hemm: il-Missier li minnu ġej kollox u aħna bih neżistu, u wieħed Mulej: Ġesù Kristu, li permezz tiegħu sar kollox u aħna għalih neżistu.

7Iżda mhux kulħadd għandu l-għerf. Xi wħud, billi kienu mdorrija bl-idoli, jieklu l-laħam bħallikieku kien offert lill-idoli; u billi tkun dgħajfa, il-kuxjenza tagħhom tittabba'.

8L-ikel ma jressaqniex lejn Alla. La sa nnaqqsu jekk nieklu, u lanqas sa nżidu jekk ma niklux.

9Qisu li l-libertà tagħkom ma tkunx ta' tfixkil għad-dgħajfa.

10Jekk xi ħadd jara lilek, li int għaref, fuq il-mejda fit-tempju tal-idolu, ma jidhirlekx li fil-kuxjenza tiegħu dgħajfa jitħajjar jiekol l-ikel offert lill-idoli?

11Mela bl-għerf tiegħek jiġġarraf id-dgħajjef, ħuk, li għalih miet Kristu.

12Meta intom tidinbu b'dan il-mod kontra ħutkom u tfieru l-kuxjenza dgħajfa tagħhom, kontra Kristu tkunu tidinbu.

13Mela jekk l-ikel jiskandalizza lil ħija, ma niekol qatt iżjed laħam biex ma niskandalizzax lil ħija.

## 1 Korintin 9

### Id-dritt tal-appostlu għall-għajxien

1Jaqaw m'iniex ħieles jien? M'iniex appostlu? Ma rajtx lil Sidna Ġesù? M'intomx intom l-opra tiegħi fil-Mulej?

2Ukoll jekk stess għal ħaddieħor jien m'iniex appostlu, għalikom jien. Għax is-siġill tal-appostolat tiegħi huwa intom stess fil-Mulej.

3Quddiem dawk li jakkużawni, id-difiża tiegħi hi din:

4ma għandniex il-jedd li nieklu u nixorbu?

5Ma għandniex id-dritt li jkollna mara nisranija magħna? bħall-appostli l-oħra u l-aħwa tal-Mulej u Kefa?

6Jaqaw jien u Barnaba biss ma għandniex id-dritt li ma naħdmux?


© 2020 Malta Bible Society.

7 Min qatt imur suldat u jħallas l-ispejjeż hu? Min iħawwel dielja u ma jikolx il-frott minnha hu? Min jirgħa l-merħla u ma jixrobx il-ħalib tagħha hu?

8 M’iniex ngħid dan bl-awtorità ta’ bniedem. Mhux il-liġi stess tgħidu dan?

9 Fil-Liġi ta’ Mosè hemm miktub: “Tagħmilx is-sarima f’ħalq il-gendus li jkun jidres.” Jaqaw Alla ħsiebu fil-gniedes?

10 Mhux għalina biss qiegħed jgħid? Minħabba fina żgur inkiteb dan, biex min jaħrat, jaħrat bit-tama; u min jidres, jidres bit-tama li jkollu sehmu.

11 Jekk aħna żrajna fostkom il-ħwejjeġ spiritwali, ħaġa kbira jekk naħsdu minn għandkom il-ħwejjeġ materjali?

12 Jekk l-oħrajn għandhom id-dritt li jaqsmu ħwejjiġkom magħkom, mhux aktar minnhom aħna? Iżda aħna ma nqdejniex b’dan id-dritt; iżda sofrejna kollox biex ma nfixklux l-Evanġelju ta’ Kristu.

13 Ma tafux li min iservi fit-tempju jiekol mit-tempju, u dawk li jservu l-artal jaqsmu mal-artal?

14 Hekk ukoll il-Mulej ordna li dawk li jxandru l-Evanġelju jgħixu mill-Evanġelju.

15 Jien iżda ma nqdejt bl-ebda wieħed minn dawn id-drittijiet. Ma ktibtx dan biex ninqeda bihom issa. Aħjar għalija li mmut milli… Hadd ma hu sa jġibli fix-xejn il-ftaħir tiegħi.

16 Jekk jiena nxandar l-Evanġelju ma għandix biex niftaħar; jien obbligat nagħmlu dan. Hażin għalija jekk ma nxandarx l-Evanġelju.

17 Jekk dan nagħmlu minn rajja, ikolli dritt għall-ħlas; imma jekk nagħmlu għax obbligat, dan ifisser li qiegħed nagħmel ix-xogħol li Alla fdali f’idejja.

18 X’inhu mela l-ħlas tiegħi? Li meta nxandar l-Evanġelju, inxandru b’xejn, bla ma nfittex id-dritt li jagħtini l-Evanġelju stess.

19 Għax għad li ma jiena marbut ma’ ħadd, jien għamilt lili nnifsi lsir ta’ kulħadd biex nirbaħ lil ħafna.

20 Mal-Lhud, sirt Lhudi, biex nirbaħ il-Lhud; ma’ dawk li huma taħt il-Liġi, qgħadt taħt il-Liġi - jien li m’iniex taħt il-Liġi - biex nirbaħ lil dawk li huma taħt il-Liġi.

21 Bla Liġi ma’ dawk li huma mingħajrha - mhux għax jien bla liġi ta’ Alla, għax Kristu hu l-liġi tiegħi - biex nirbaħ lil dawk li huma barra l-Liġi.

22 Sirt dgħajjef mad-dgħajfin, biex nirbaħ id-dgħajfin. Sirt kollox ma’ kulħadd, biex insalva lil kulħadd.

23 Nagħmel dan kollu minħabba l-Evanġelju biex ikolli sehem minnu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

24Ma tafux li l-ġerrejja fl-istadju kollha jiġru, imma l-premju wieħed jirbħu?
Iġru, mela, ħalli tirbħuh.

25Kull atleta jiċċaħħad minn kollox, u dawn biex jirbħu kuruna midbiela, imma
aħna, waħda li ma tidbielx.

26Jien issa hekk niġri, mhux qisni bl-addoċċ; ma nissarax bħallikieku qiegħed
nagħti fil-vojt.

27Iżda ngħakkes bl-aħrax lil ġismi u njassru, biex ma jiġrilix li, wara li nkun
ippridkajt lil ħaddieħor, jiena stess insib ruħi kkundannat.

## 1 Korintin 10

### L-idolatrija

1Għax ma rridkomx ma tkunux tafu, l-aħwa: missirijietna lkoll kienu taħt is-
sħaba, ilkoll qasmu l-baħar,

2ilkoll kienu mgħammda f'Mosè fis-sħaba u fil-baħar,

3ilkoll kielu mill-istess ikel spiritwali -

4xorbu tassew mill-blata spiritwali li kienet timxi magħhom, u din il-blata
kienet Kristu -

5madankollu l-biċċa l-kbira minnhom lil Alla ma għoġbuhx għax ilkoll waqgħu
mejta fid-deżert.

6Dan ġara b'eżempju għalina, biex ma nixxennqux għal ħwejjeġ ħżiena, bħalma
xxennqu huma.

7Tmorrux wara l-allat foloz, kif għamlu xi wħud minnhom, bħalma hemm
miktub: "Il-poplu qagħad bilqiegħda jiekol u jixrob, u qamu jixxalaw."

8Anqas ma għandna niżnu, kif xi wħud minnhom żnew, u f'jum wieħed mietu
tlieta u għoxrin elf ruħ.

9Anqas ma għandna nġarrbu l-Mulej, kif xi wħud minnhom ġarrbuh, u
qerduhom is-sriep.

10Anqas ma għandkom tgergru, kif għamlu xi wħud minnhom, u qeridhom il-
Qerried.

11Dan kollu ġralhom b'eżempju, u nkiteb bi twiddiba għalina li fuqna wasal
tmiem iż-żminijiet.

12Min jidhirlu li hu wieqaf, joqgħod attent li ma jaqax.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

13S'issa ebda tiġrib ma laħaqkom li bniedem ma jiflaħx għalih; Alla hu fidil u ma jħallikomx tiġġarrbu aktar milli tifilħu; jaħseb li mat-tiġrib jagħtikom il-qawwa u l-għajnuna biex tkunu tifilħu għalih.

## L-Ewkaristija

14Għeżież tiegħi, aħarbu l-allat foloz.

15Lil nies għaqlin qiegħed inkellem; għarblu intom kulma ngħid.

16Il-kalċi mbierek li fuqu ngħidu l-barka mhuwiex għaqda mad-demm ta' Kristu? U l-ħobż li naqsmu mhuwiex għaqda mal-ġisem ta' Kristu?

17Għax la l-ħobża hi waħda, aħna, li aħna ħafna, aħna ġisem wieħed; ilkoll kemm aħna nieħdu sehem minn ħobża waħda.

18Harsu lejn Iżrael skont il-ġisem. Dawk li jieklu l-vittmi mhumiex f'għaqda mal-artal?

19X'irrid ngħid? Li l-ikel mogħti lill-allat foloz jiswa xi ħaġa? Jew li l-idoli huma xi ħaġa?

20Ngħid li s-sagrifiċċji li joffru l-pagani, lid-demonji joffruhom u mhux lil Alla; u jien ma rridx li intom tidħlu f'għaqda mad-demonji.

21Ma tistgħux tixorbu x-xorb tal-Mulej u x-xorb tad-demonji; ma tistgħux taqsmu fil-Mejda tal-Mulej u fil-mejda tad-demonji.

22Jew se nqajmu l-għira tal-Mulej? Jaqaw aħna aqwa minnu?

## Kollox għall-glorja ta' Alla

23Kollox hu sewwa, iżda mhux kollox jaqbel; kollox jiswa, iżda mhux kollox jedifika.

24Hadd ma għandu jqis qjiesu biss, iżda qjies ħaddieħor.

25Kollox tistgħu tixtru u tieklu mis-suq tal-laħam, bla ma tqisu xejn fil-kuxjenza tagħkom:

26 "l-art b'kulma hemm fiha hi tal-Mulej."

27Jekk xi ħadd li ma jemminx jistedinkom, jekk tridu, morru; kulu kulma jkun lestielkom bla ma tqisu xejn fil-kuxjenza tagħkom.

28Jekk xi ħadd jgħidilkom: 'Dan kien offert lill-idoli,' allura tiklux minn dak l-ikel, minħabba dak li wissiek u minħabba l-kuxjenza;

29irrid ngħid, mhux il-kuxjenza tiegħek, imma ta' dak l-ieħor. Għaliex il-libertà tiegħi għandha tkun imxekkla mill-kuxjenza ta' ħaddieħor?

30Jekk jien niekol b'radd il-ħajr, għaliex għandi nkun mgħajjar b'dak li jien irrodd ħajr?


© 2020 Malta Bible Society.

31Sew jekk tieklu, sew jekk tixorbu, tagħmlu x'tagħmlu, agħmlu kollox għall-
glorja ta' Alla.

32Tkunux ta' tfixkil, la għal-Lhud, la għall-Griegi, u lanqas għall-Knisja ta' Alla.

33Hekk jiena nogħġob lil kulħadd f'kollox, bla ma nfittex l-interessi tiegħi, imma
tal-ħafna biex isalvaw.

## 1 Korintin 11

1Ixbhu lili bħalma jien nixbah lil Kristu.

### In-nisa fil-laqgħat tal-Knisja

2Infaħħarkom għax tiftakru dejjem fija u żżommu t-tradizzjonijiet li jien
għaddejtilkom.

3Irridkom tkunu tafu li r-ras ta' kull raġel huwa Kristu, u ras il-mara huwa r-
raġel, u ras Kristu hu Alla.

4Kull raġel li jitlob jew jipprofetizza b'rasu mgħottija jagħmel għajb lil rasu.

5Kull mara li titlob jew tipprofetizza b'rasha mikxufa tagħmel għajb lil rasha; l-
istess bħallikieku kellha xagħarha maqtugħ.

6Jekk il-mara ma tgħattix rasha, ħalliha taqta' xagħarha. Jekk hu għajb għall-
mara li taqta' jew tqaxxar xagħarha, ħalliha tgħatti rasha.

7Raġel ma jixraqlux jgħatti rasu, għax hu xbieha u glorja ta' Alla; il-mara hi l-
glorja tar-raġel.

8Mhux ir-raġel ġej mill-mara, imma l-mara ġejja mir-raġel.

9U mhux ir-raġel li kien maħluq għall-mara, imma l-mara li kienet maħluqa
għar-raġel.

10Għalhekk il-mara għandha tinsatar biex turi li hemm is-setgħa ta' żewġha
fuqha minħabba l-anġli.

11Imma la l-mara ma hi mingħajr ir-raġel u lanqas ir-raġel mingħajr il-mara fil-
Mulej.

12Kif il-mara saret mir-raġel, hekk ir-raġel sar permezz tal-mara. Kollox
imbagħad minn Alla.

13Iġġudikaw intom! Jixraq li mara titlob xuxa lil Alla?

14Jaqaw ma tgħallimniex in-natura stess li x-xagħar twil hu għajb għar-raġel,

15imma għall-mara x-xagħar twil hu ġmielha? Ix-xagħar twil ngħata lilha bħala
velu.


© 2020 Malta Bible Society.

16Jekk xi ħadd irid jitlewwem fuq dan, ngħidulu: aħna ma aħniex imdorrijin
hekk u lanqas il-knejjes ta' Alla.

### Abbużi fil-laqgħat tal-Knisja

17F'li sa ngħidilkom ma nfaħħarkomx! Għax intom tiltaqgħu mhux għall-ġid
imma għad-deni.

18Qabel xejn, kull meta tiltaqgħu fil-knisja smajt li hemm firda bejnietkom, u xi
ħaġa nemmen.

19Għandu jkun hemm firdiet, biex jidhru fostkom il-ġusti.

20Meta tiltaqgħu f'post wieħed mhux l-ikla tal-Mulej li intom tieklu.

21Għax kull wieħed minnkom iġib, jaqbad u jiekol l-ikel tiegħu; wieħed bil-ġuħ
u l-ieħor fis-sakra.

22Ma għandkomx djar fejn tieklu u tixorbu? Jew tridu twaqqgħu fl-għajb il-
Knisja ta' Alla u ġġiegħlu jistħu lil dawk li ma għandhomx? X'ngħidilkom?
Infaħħarkom? F'dan ma nfaħħarkomx.

### It-twaqqif tal-Ewkaristija

23Jien irċevejt mingħand il-Mulej it-tagħlim li għaddejt lilkom, jiġifieri, li l-Mulej
Ġesù, fil-lejl li fih kien ittradut, ħa l-ħobż

24u wara li radd il-ħajr qasmu u qal: "Dan hu ġismi li jingħata għalikom; agħmlu
dan b'tifkira tiegħi."

25Hekk ukoll għamel bil-kalċi wara li kiel u qal: "Dan il-kalċi hu l-patt il-ġdid
b'demmi; agħmlu dan kull meta tixorbu, b'tifkira tiegħi."

26Mela kull meta tieklu dan il-ħobż u tixorbu dan il-kalċi, intom ixxandru l-
mewt tal-Mulej sa ma jiġi.

### Tqarbin ħażin

27Mela kull min jiekol il-ħobż jew jixrob il-kalċi tal-Mulej bla ma jixraqlu, ikun
ħati tal-ġisem u d-demm tal-Mulej.

28Ħa jgħarbel il-bniedem lilu nnifsu, imbagħad jiekol il-ħobż u jixrob il-kalċi.

29Min jiekol u jixrob bla ma jagħżel minn ikel ieħor il-ġisem tal-Mulej, ikun
jiekol u jixrob il-kundanna tiegħu stess.

30Għalhekk ħafna fostkom huma bla saħħa u morda u oħrajn mejta.

31Jekk aħna ngħarblu lilna nfusna sewwa, ma nkunux ikkundannati.

32Meta jagħmel ħaqq minna l-Mulej, jagħmlu biex iwiddibna ħalli ma nkunux
ikkundannati mad-dinja.

33Għalhekk mela, l-aħwa, meta tiltaqgħu biex tieklu, stennew lil xulxin.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

34Jekk xi ħadd ikun bil-ġuħ ħa jiekol id-dar; biex ma tkunux iltqajtu għall-kundanna tagħkom. Mill-bqija, meta niġi ngħidilkom x'għandkom tagħmlu.

## 1 Korintin 12

### Id-doni spiritwali

1Ma rridkomx ma tkunux tafu, l-aħwa, dwar id-doni tal-Ispirtu.

2Tafu li, meta kontu pagani, intom kontu mkaxkrin lejn l-idoli li ma jitkellmux, bla ma biss kontu tafu.

3Għalhekk ngħidilkom li ħadd, hu u jitkellem bl-Ispirtu ta' Alla, ma jista' jgħid: "Misħut Ġesù", u ħadd ma jista' jgħid: "Ġesù hu l-Mulej" jekk mhux imqanqal mill-Ispirtu s-Santu.

4Hemm imbagħad diversi doni, imma l-istess wieħed hu l-Ispirtu;

5hemm diversi ministeri, imma l-istess wieħed hu l-Mulej;

6hemm diversi ħidmiet, imma l-istess Alla, li jaħdem kollox f'kulħadd.

7Lil kull wieħed tingħata r-rivelazzjoni tal-Ispirtu għall-ġid ta' kulħadd: lil wieħed kliem l-għerf, mill-istess Spirtu;

8lil ieħor il-kelma tas-sapjenza mill-istess Spirtu;

9lil ieħor il-fidi mill-istess Spirtu; lil ieħor id-don tal-fejqan mill-istess Spirtu;

10lil ieħor is-setgħa tal-mirakli; lil ieħor id-don tal-profezija; lil ieħor id-don tal-għażla tal-ispirti; lil ieħor diversi ilsna; lil ieħor it-tifsir tal-ilsna.

11Dan kollu jaħdmu l-istess Spirtu wieħed, li jqassam lil kull wieħed kif jogħġbu.

### Membri ta' ġisem wieħed

12Bħalma l-ġisem hu wieħed u fih ħafna membri, u l-membri kollha tal-ġisem, għad li huma ħafna, jagħmlu ġisem wieħed, hekk ukoll Kristu.

13Għax aħna wkoll, ilkoll tgħammidna fi Spirtu wieħed biex nagħmlu ġisem wieħed, sew Lhud sew Griegi, sew ilsiera sew ħielsa, u lkoll xrobna minn Spirtu wieħed.

14Issa l-ġisem mhuwiex membru wieħed, imma magħmul minn ħafna membri.

15Kieku s-sieq kellha tgħid: "Ladarba m'iniex l-id, jien m'iniex biċċa mill-ġisem," b'daqshekk mhijiex parti mill-ġisem?

16U kieku l-widna kellha tgħid: "Ladarba m'iniex l-għajn, jien m'iniex biċċa mill-ġisem", ma jkunx ifisser b'daqshekk li hi mhijiex biċċa mill-ġisem.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

17Kieku l-ġisem kollu kien għajn, fejn kien ikun is-smigħ? U kieku kien kollu smigħ, fejn kien ikun ix-xamm?

18Iżda Alla qiegħed il-membri fil-ġisem kull wieħed f'postu, kif għoġbu hu.

19Kieku kollha kellhom ikunu membru wieħed, fejn hu l-ġisem?

20Imma ħafna, iva, huma l-membri, iżda wieħed hu l-ġisem.

21L-għajn ma tistax tgħid lill-id: "Jiena ma għandix bżonnok", anqas ir-ras ma tgħid lis-saqajn: "Ma għandix bżonnkom".

22Mhux hekk biss, imma l-membri tal-ġisem li jidhru l-aktar dgħajfa, huma l-aktar meħtieġa;

23u dawk li nqisu bl-inqas ġieħ fil-ġisem, lil dawn l-aktar li nieħdu ħsiebhom; u 'l dawk li ma għandhomx ġmiel, inlibbsuhom b'aktar ġmiel;

24għax il-membri sbieħ ma għandhom bżonn xejn. Alla imma bena l-ġisem b'mod li żejjen b'aktar ġieħ lil dawk li jeħtiġuh l-aktar.

25B'hekk ma jkunx hemm firda fil-ġisem, imma l-membri kollha jaħsbu f'xulxin;

26jekk membru jbati, ibatu lkoll miegħu; jekk membru jingħata l-ġieħ, jifirħu lkoll miegħu.

27Intom il-ġisem ta' Kristu, u kull wieħed minnkom membru tiegħu.

28Lil xi wħud Alla qegħedhom fil-Knisja fl-ewwel post bħala appostli, it-tieni bħala profeti, it-tielet bħala għalliema. Imbagħad id-don tal-mirakli, imbagħad id-don tal-fejqan, l-għajnuna, it-treġija, u d-don ta' ilsna diversi.

29Jaqaw ilkoll appostli? Ilkoll profeti? Ilkoll għalliema? Ilkoll bid-don tal-mirakli?

30Ilkoll għandhom id-don tal-fejqan? Ilkoll jitkellmu bl-ilsna? Ilkoll ifissru?

31Intom ħabirku għal doni ogħla.

### Il-glorja tal-imħabba

Imma jien nurikom triq li tgħaddihom ilkoll.

## 1 Korintin 13

1Li kont nitkellem bl-ilsna tal-bnedmin u tal-anġli bla ma kelli l-imħabba, kont inkun qisni strument tar-ram iżarżar jew platti jċekċku.

2U kieku kelli d-don tal-profezija u kont naf il-misteri kollha u l-għerf kollu, kieku kelli l-fidi tiegħi sħiħa li nqanqal il-muntanji, imma ma kellix imħabba, jiena ma kont inkun xejn.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

3U kieku kelli nqassam ġidi kollu fil-karità u nagħti ġismi għall-ħruq bla ma jkolli mħabba, xejn ma jkun jiswieli ta' ġid.

4L-imħabba taf tistabar u tħenn; l-imħabba mhijiex għajjura, ma tintefaħx biha nfisha, ma titkabbarx fuq l-oħrajn;

5ma tagħmilx dak li mhux xieraq; ma tfittixx dak li hu tagħha, xejn ma tinkorla; ma żżommx f'qalbha għad-deni,

6ma tifraħx bl-inġustizzja, imma tifraħ bil-verità;

7kollox tagħder, kollox temmen, kollox tittama, kollox tissaporti.

8L-imħabba ma tintemm qatt. Jgħibu l-profeziji, jisktu l-ilsna, jgħib l-għerf.

9Għalissa nafu biċċa, u l-profezija tagħna hi nieqsa;

10imma meta jfeġġ dak li hu sħiħ, jgħib dak li hu nieqes.

11Meta kont tarbija, kont nitkellem ta' tarbija, inħoss ta' tarbija, naħseb ta' tarbija. Meta sirt raġel warrabt dak li hu ta' tarbija.

12Bħalissa naraw bħallikieku f'mera, imċajpar, imma mbagħad naraw wiċċ imb wiċċ. Issa nagħraf biċċa, imbagħad nagħraf bħalma jien magħruf issa.

13Issa hawn fidi, tama u mħabba, it-tlieta jibqgħu. Il-kbira fosthom l-imħabba.

## 1 Korintin 14

### Id-doni tal-ilsna u l-profezija

1Fittxu l-imħabba; ixxennqu wkoll għad-doni tal-Ispirtu, l-aktar għad-don tal-profezija.

2Għax min jitkellem bl-ilsna ma jkunx jitkellem mal-bnedmin, iżda ma' Alla; lil dan ħadd ma jifhmu, għaliex ikun qiegħed jitkellem bl-Ispirtu fuq misteri.

3Imma dak li jipprofetizza jkun jitkellem mal-bnedmin, biex jibni u jħeġġeġ u jqawwi l-qalb.

4Min jitkellem bl-ilsna, lilu nnifsu jkun jibni; iżda min jipprofetizza jkun qed jibni l-Knisja.

5Ilkoll kemm intom nixtieqkom titkellmu bl-ilsna, iżda aktar irridkom tipprofetizzaw; għax min jipprofetizza jiswa aktar minn min jitkellem bl-ilsna, jekk xi ħadd ma jfissirx x'ikun qiegħed jgħid, ħalli tinbena l-Knisja.

6Issa, l-aħwa, kieku jiena kelli niġi fostkom nitkellem bl-ilsna, x'ikun jiswielkom jekk il-kliem li ngħidilkom ma jkunx fih xi rivelazzjoni jew għerf, jew profezija, jew tagħlim?

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

7L-istess bħal fl-istrumenti tad-daqq bla ħajja, flawt jew ċetra; kieku dawn ma jagħtux ilħna li jingħażlu minn xulxin, kif jista' wieħed jagħraf x'inhu jindaqq bil-flawt jew x'inhu jindaqq biċ-ċetra?

8U jekk it-trumbetta tagħti leħen li ma tagħrafx x'inhu, min iħejji ruħu għat-taqbida?

9Hekk ukoll intom: jekk bi lsienkom ma tlissnux kliem li jinftiehem, kif jista' wieħed jifhem xi tkunu tgħidu? Tkunu qegħdin titkellmu fl-ajru.

10Hemm bosta ilħna fid-dinja, u ebda wieħed minnhom ma hu bla sens.

11Imma jekk jiena ma nagħrafx is-sens tal-leħen, inkun barrani għal min jitkellem, u min jitkellem ikun barrani għalija.

12Hekk ukoll intom, ladarba intom imxennqin għad-doni spiritwali, fittxu li timtlew sewwa bihom, imma dejjem għall-bini tal-Knisja.

13Għalhekk, min jitkellem bl-ilsna għandu jitlob id-don tat-tifsir.

14Għax jekk jiena nitlob bl-ilsna, l-ispirtu tiegħi jkun jitlob, imma moħħi jibqa' bla frott.

15X'nagħmel mela? Nitlob bl-ispirtu; imma nitlob b'moħħi wkoll. Inkanta s-salmi bl-ispirtu; imma nkanta b'moħħi wkoll.

16Jekk inti tfaħħar bl-ispirtu, kif jista' wieħed li ma għandux din il-grazzja jgħid "Ammen" għal radd il-ħajr tiegħek meta ma jafx x'inti tgħid?

17Inti tkun trodd il-ħajr sewwa, imma l-ieħor ma jedifikax ruħu.

18Niżżi ħajr lil Alla li jien nitkellem bl-ilsna aktar minnkom ilkoll;

19imma fil-ġemgħa tal-Knisja aktar irrid ħames kelmiet b'moħħi li jinftiehmu biex ngħallem lill-oħrajn, milli għaxart elef bl-ilsna.

20L-aħwa, tkunux bħat-tfal fi ħsiebkom; kunu tfal fil-ħażen, imma nkunu rġiel magħmula fi ħsibijietkom.

21Fil-Liġi hemm miktub: "Permezz ta' nies b'ilsien barrani, u b'xufftejn stranġieri inkellem lil dan il-poplu; u b'dan kollu anqas ma jisimgħuni," jgħid il-Mulej.

22Mela d-don tal-ilsna hu sinjal mhux għal min jemmen, iżda għal min ma jemminx; id-don tal-profezija mhux għal min ma jemminx, iżda għal min jemmen.

23Jekk, ngħidu aħna, il-Knisja kollha tiltaqa' f'post wieħed u kulħadd jitkellem bl-ilsna, u jidħlu xi katekumeni sempliċi jew nies li ma jemmnux, ma jgħidux li intom barra minn sensikom?


© 2020 Malta Bible Society.

24Imma jekk ilkoll tipprofetizzaw u jidħol xi ħadd li ma jemminx jew xi katekumenu sempliċi, dan iħoss ruħu mwiddeb minn kulħadd, u ġġudikat minn kulħadd,

25jinkixfulu l-fehmiet moħbija ta' qalbu u b'hekk jixteħet wiċċu fl-art u jadura lil Alla u jistqarr: "Tassew li Alla f'nofskom!"

### Kollox bl-ordni

26Xi ngħidu, mela, l-aħwa? Meta intom tiltaqgħu, wieħed jista' jkollu xi salm, ieħor xi tagħlima, ieħor xi rivelazzjoni, ieħor xi kelma b'ilsien barrani, ieħor xi tifsira; kollox iservi għall-edifikazzjoni.

27Tridu titkellmu bl-ilsna? Ħalli jitkellmu tnejn jew l-aktar tlieta, imma wieħed wara l-ieħor u xi ħaddieħor ifisser xi jkun jingħad.

28Jekk ma jkunx hemm min ifisser, fil-ġemgħa ma għandu jitkellem ħadd; ħalli jitkellem għalih innifsu, bejnu u bejn Alla.

29Il-profeti jitkellmu, tnejn jew tlieta, u l-oħrajn iqisu dak li jingħad.

30Jekk xi ħadd bilqiegħda jkollu xi rivelazzjoni, l-ewwel wieħed għandu jiskot.

31Intom lkoll tistgħu tipprofetizzaw, imma wieħed wara l-ieħor, sabiex ilkoll titgħallmu u tagħmlu l-qalb.

32L-ispirti tal-profeti għandhom ikunu taħt il-ħakma tal-profeti,

33għax Alla mhux Alla tad-diżordni iżda tas-sliem.

34Bħalma jsir fil-Knisja kollha tal-qaddisin, in-nisa għandhom iżommu s-skiet fil-laqgħa; ma għandhomx permess jitkellmu imma joqogħdu suġġetti, bħalma tgħid ukoll il-Liġi.

35Jekk ikunu jridu jitgħallmu xi ħaġa, jistaqsu lil żwieġhom id-dar; ma jixraqx li mara titkellem fil-ġemgħa tal-Knisja.

36Jaqaw mingħandkom ħarġet il-kelma ta' Alla? Jew għandkom biss waslet?

37Jekk xi ħadd jaħseb li hu profeta jew bniedem b'xi don spiritwali, kunu afu li dan li ktibtilkom hu preċett tal-Mulej.

38Jekk ma jagħtix kas ta' dan, tagħtux kasu intom.

39Mela, l-aħwa, fittxu li tipprofetizzaw, iżda żżommux lil min jitkellem bl-ilsna.

40Ħa jsir kollox kif imur u bl-ordni.

## 1 Korintin 15

### Il-qawmien ta' Ġesù Kristu

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

1L-aħwa, irrid infakkarkom fl-Evanġelju li xandarnielkom u li intom ilqajtu u li
fih qegħdin iżżommu sħiħ.

2Bih intom salvi bil-kelma li jien ħabbartilkom, kemm-il darba żżommuha, jekk
ma emmintux għal xejn.

3Qabel xejn, jien għallimtkom dak li tgħallimt jien, jiġifieri, li Kristu miet
minħabba dnubietna, skont l-Iskrittura;

4difnuh u qam mill-imwiet fit-tielet jum, skont l-Iskrittura.

5U deher lil Kefa, u mbagħad lit-Tnax.

6Deher imbagħad lil aktar minn ħames mitt aħwa flimkien. Hafna minnhom
għadhom ħajjin sal-lum; xi wħud minnhom raqdu.

7Imbagħad deher lil Ġakbu u lill-appostli kollha.

8Fl-aħħar deher lili wkoll wara kulħadd, qisni twelidt mormi qabel il-waqt,

9għax jien l-inqas wieħed fost l-appostli, u ma jistħoqqlix nissejjaħ appostlu,
għaliex kont naħqar il-Knisja ta’ Alla.

10Imma bil-grazzja ta’ Alla jien dak li jien u l-grazzja tiegħu fija ma sfatx fix-xejn,
għax tħabatt ħafna iktar minnhom ilkoll; għad li mhux jien, iżda l-grazzja ta’ Alla
li hi miegħi.

11Imma sew huma u sew jien, dan aħna xandarna, u dan emmintu intom.

### Il-qawmien tal-mejtin

12Jekk Kristu hu mxandar li qam mill-imwiet, kif jgħidu xi wħud minnkom li ma
hemmx qawmien tal-mejtin?

13Jekk ma hemmx qawmien tal-mejtin, anqas Kristu ma qam mill-imwiet.

14Imma jekk Kristu ma qamx mill-imwiet, fiergħa hi l-predikazzjoni tagħna, u
fiergħa wkoll il-fidi tagħkom.

15U aħna noħorġu wkoll ta’ xhieda foloz ta’ Alla, għaliex inkunu tajna xhieda
kontra Alla li huwa qajjem lil Kristu mill-imwiet, filwaqt li ma jkun qajmu xejn,
jekk hu tassew li l-mejtin ma jqumux.

16Għax jekk il-mejtin ma jqumux, anqas Kristu ma kien imqajjem.

17U jekk Kristu ma kienx imqajjem, fiergħa l-fidi tagħkom, u intom għadkom fi
dnubietkom.

18U mitlufa wkoll huma dawk li raqdu fi Kristu.

19Jekk għandna tama fi Kristu għal din il-ħajja biss, aħna l-aktar nies imsejkna
fost kemm huma l-bnedmin.


© 2020 Malta Bible Society.

20Imma Kristu kien imqajjem tassew mill-imwiet, l-ewwel frott fost dawk li
raqdu.

21Għaliex, jekk permezz ta' bniedem feġġet il-mewt, bi bniedem ukoll iseħħ il-
qawmien mill-imwiet.

22Għax bħalma l-bnedmin kollha jmutu f'Adam, hekk ilkoll jiksbu l-ħajja fi
Kristu.

23Imma kulħadd skont kif imissu; jibda l-ewwel frott li hu Kristu; wara, dawk li
huma ta' Kristu, f'jum il-miġja tiegħu.

24Imbagħad, it-tmiem, meta Kristu jerħi s-saltna f'idejn Alla l-Missier, wara li
jkun qered kull ħakma u kull setgħa u kull qawwa.

25Għax jeħtieġ li hu jsaltan "sa ma jqiegħed l-għedewwa kollha taħt riġlejh".

26L-aħħar għadu li jinqered tkun il-Mewt;

27għaliex Alla "qiegħed kollox taħt riġlejh". Imma meta jgħid: "Tqiegħed kollox
taħtu", jidher ċar li kollox min barra Dak li qiegħed kollox taħtu.

28U meta kollox ikun imqiegħed taħtu, imbagħad l-Iben stess jitqiegħed taħt
Alla li jkun qegħedlu kollox taħtu, sabiex Alla jkun kollox f'kollox.

29Inkella x'jagħmlu dawk li huma mgħammdin għall-mejtin, jekk il-mejtin ma
jqumu bl-ebda mod? Għaliex jitgħammdu għalihom?

30U għaliex aħna ninsabu l-ħin kollu fil-periklu?

31Kuljum f'xifer il-mewt, daqs kemm hu tassew, l-aħwa, li intom il-ftaħir tiegħi
fi Kristu Ġesù Sidna.

32X'jiswieli li jien tqabadt mal-bhejjem f'Efesu kieku għamiltu għal għajn in-
nies? Jekk il-mejtin ma jqumux: "Nieklu u nixorbu, għax għada mmutu!"

33La titqarrqux: il-ħbiberija ħażina tħassar id-drawwiet tajba.

34Erġgħu għal sensikom kif għandu jkun u tidinbux; u, b'għajb għalikom ngħidu,
xi wħud minnkom ma jafux b'Alla.

### Il-ġisem glorjuż

35Għandu mnejn xi ħadd jgħid: "Kif iqumu l-mejtin? B'liema ġisem jiġu?"

36Iblah! Dak li inti tiżra' ma jkollux ħajja jekk qabel ma jmutx.

37U meta tiżra', ma tiżrax dak il-ġisem li għad ikun. Daqsxejn ta' żerriegħa, tista'
tkun tal-qamħ jew xi żerriegħa oħra;

38Alla mbagħad jagħtiha ġisem kif jogħġbu hu, lil kull żerriegħa l-ġisem li hu
tagħha.


© 2020 Malta Bible Society.

39Mhux kull laħam hu l-istess laħam, iżda laħam il-bniedem hu xi ħaġa, u laħam il-bhejjem hu oħra; hemm laħam it-tjur, u hemm dak tal-ħut.

40Hemm iġsma tas-sema u hemm iġsma tal-art; iżda d-dija tal-iġsma tas-sema hi ħaġa, u dik tal-iġsma tal-art hi oħra.

41Hemm id-dija tax-xemx, u hemm id-dija tal-qamar, u hemm ukoll id-dija tal-kwiekeb; u kewkba tiddi aktar minn kewkba oħra.

42Hekk ukoll hu l-qawmien mill-imwiet; jinżera' ġisem li jitħassar, iqum ġisem li ma jitħassarx;

43jinżera' fl-għajb, iqum fil-ġieħ; jinżera' fid-dgħufija, iqum fis-saħħa;

44jinżera' ġisem naturali, iqum ġisem spiritwali; jekk hemm ġisem naturali hemm ukoll ġisem spiritwali.

45L-Iskrittura tgħid: "L-ewwel bniedem, Adam, sar ruħ ħajja," l-aħħar wieħed sar spirtu li jagħti l-ħajja.

46Mhux l-ispiritwali ġie l-ewwel, imma l-ewwel in-naturali u mbagħad l-ispiritwali.

47L-ewwel bniedem, mit-trab, hu tal-art; it-tieni bniedem, mis-sema.

48Bħalma hu l-bniedem tal-art, hekk ukoll huma l-bnedmin tal-art; bħalma hu l-bniedem tas-sema, hekk ukoll huma l-bnedmin tas-sema.

49Bħalma aħna mlibbsa x-xbieha tal-bniedem tal-art, hekk ukoll għad nilbsu x-xbieha tal-bniedem tas-sema.

50Dan ngħidilkom, l-aħwa; id-demm u l-laħam ma jistgħux jirtu s-saltna ta' Alla; lanqas it-taħsir in-nuqqas tat-taħsir.

51Sa nħabbrilkom misteru: aħna mhux ilkoll norqdu r-raqda tal-mewt, iżda lkoll nitbiddlu,

52f'waqt wieħed, f'teptipa ta' għajn, mal-aħħar tromba. Għax iddoqq it-tromba u l-mejtin iqumu biex ma jitħassrux aktar, u aħna nitbiddlu.

53Għax jeħtieġ li dan il-ġisem li jitħassar jilbes in-nuqqas ta' taħsir, u li dan il-ġisem li jmut jilbes l-immortalità.

54Meta dak li jitħassar jilbes in-nuqqas ta' taħsir, meta dak li jmut jilbes l-immortalità, imbagħad iseħħ dak li hemm miktub, "Inbelgħet il-mewt fir-rebħa.

55 Fejn hi, ja Mewt, ir-rebħa tiegħek? Fejn hi, ja Mewt, in-niggieża tiegħek?"

56In-niggieża tal-mewt hi d-dnub, u l-qawwa tad-dnub hi l-Liġi.

57Niżżu ħajr lil Alla li tana r-rebħa permezz ta' Sidna Ġesù Kristu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

[58]Għalhekk, ħuti għeżież, żommu sħiħ, titħarrkux; ħabirku dejjem fil-ħidma tal-Mulej. Kunu afu li l-ħidma tagħkom fil-Mulej mhijiex għalxejn.

## 1 Korintin 16

### Il-ġabra għall-fqar

[1]Dwar il-ġabra għall-qaddisin, agħmlu intom ukoll bħalma ordnajt lill-knejjes tal-Galazja.

[2]Kull wieħed minnkom, kull l-ewwel tal-ġimgħa, iwarrab xi ħaġa u jfaddalha skont ma jista' biex ma jkunx hemm ġbir meta niġi.

[3]Meta niġi, imbagħad, jien nibgħat nies li tkunu għażiltu, b'ittri ta' rakkomandazzjoni, biex jieħdu Ġerusalemm l-offerti tal-ħniena tagħkom.

[4]Jekk nara li jkun jaqbel, immur jien ukoll u neħodhom miegħi.

### Il-programm tal-appostlu

[5]Jien ngħaddi għandkom meta nkun għaddejt mill-Maċedonja, għax jien għandi f'moħħi li ngħaddi mill-Maċedonja.

[6]Għandi mnejn ukoll noqgħod magħkom għal xi żmien; jekk ma jkollix ngħaddi x-xitwa kollha magħkom; imbagħad intom tqabbduni t-triq għal fejn inkun sejjer.

[7]Ma rridx narakom bis-serqa jien u għaddej; nittama li noqgħod magħkom għal xi żmien, jekk il-Mulej iħallini.

[8]Nieqaf Efesu sa Għid il-Ħamsin.

[9]Hemm bieb kbir miftuħ għalija, fejn nista' naħdem sewwa, għad li hemm ħafna kontra tiegħi.

[10]Jekk Timotju jasal sa għandkom, qisu li ma jkollux għalfejn jibża' f'nofskom. Hu qiegħed jagħmel ix-xogħol tal-Mulej bħali;

[11]għalhekk ħadd ma għandu jonqsu. Imbagħad ibagħtuh bis-sliem, ħalli jiġi għandi, għax qiegħed nistenna lilu u l-aħwa miegħu.

[12]Dwar ħuna Apollo, bosta drabi ħeġġiġtu biex jiġi sa għandkom flimkien mal-aħwa. Iżda qatt ma ried jiġi għalissa; imma jiġi meta jkun il-waqt li jiġi.

### L-aħħar tislijiet

[13]Ishru, żommu sħiħ fil-fidi, kunu qalbiena, saħħu ruħkom ilkoll.

[14]Ha jsir kollox fostkom bl-imħabba.

[15]Jien inħeġġiġkom, l-aħwa. Intom tafu li l-familja ta' Stefanas huma l-ewwel frott fl-Akaja, u taw ruħhom għas-servizz tal-qaddisin.


© 2020 Malta Bible Society.

16Inħeġġiġkom, għalhekk, biex toqogħdu għall-kelma ta' nies bħal dawn u kull min jitħabat u jaħdem magħhom.

17Nifraħ biż-żjara ta' Stefanas, Fortunatu u Akajku, għaliex b'hekk għamlu tajjeb għan-nuqqas tagħkom.

18Hekk serrħuli moħħi u moħħkom. Nies bħal dawn għożżuhom.

19Isellmulkom il-knejjes tal-Asja. Isellmulkom ħafna fil-Mulej Akwila u Priska u l-knisja li tiltaqa' f'darhom.

20Isellmulkom l-aħwa kollha. Sellmu lil xulxin b'bewsa qaddisa.

### It-tislija tal-appostlu

21Din hi t-tislija tiegħi b'idi stess, Pawlu.

22Ħa jkun misħut jekk xi ħadd ma jħobbx il-Mulej. Marana-ta!

23Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu tkun magħkom.

24L-imħabba tiegħi magħkom ilkoll fi Kristu Ġesù.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

## 2 Korintin 1

### Tislima

1 Pawlu, appostlu ta' Ġesù Kristu bir-rieda ta' Alla, u Timotju, ħija, lill-Knisja ta' Alla li qiegħda f'Korintu, flimkien mal-qaddisin kollha li qegħdin fl-Akaja:

2 grazzja lilkom u sliem mingħand Alla l-Missier tagħna u l-Mulej Ġesù Kristu.

### Radd il-ħajr fil-hemm

3 Imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, Missier il-ħniena u Alla ta' kull faraġ.

4 Hu jfarraġna fil-hemm kollu tagħna, biex aħna, permezz tal-faraġ li bih Alla jfarraġ lilna, inkunu nistgħu nfarrġu lil dawk kollha li jinsabu f'kull xorta ta' hemm.

5 Bħalma joktru fina s-sofferenzi ta' Kristu, hekk ukoll permezz ta' Kristu, joktor fina l-faraġ.

6 In-niket tagħna jservi għall-faraġ u s-salvazzjoni tagħkom; u jekk nitfarrġu, dan iservi għall-faraġ tagħkom, li jaħdem fikom biex ikollkom il-qawwa tissaportu s-sofferenzi li nissaportu aħna wkoll.

7 B'hekk, it-tama tagħna fikom hi dejjem qawwija, għax aħna nafu li, kif intom taqsmu magħna s-sofferenzi tagħna, hekk ukoll taqsmu l-faraġ tagħna.

8 Ma rridukomx ma tkunux tafu, l-aħwa, bit-taħbit li ġie fuqna fl-Asja; konna magħfusin iżżejjed li ma konniex nifilħu u konna qtajna jiesna minn ħajjitna.

9 Iżda ħassejna fina s-sentenza tal-mewt, biex ma nittamawx fina nfusna, iżda f'Alla li jqajjem lill-mejtin.

10 Kien hu li ħelisna minn daqstant perikli tal-mewt u għad jeħlisna; fih nittamaw li jerġa' jeħlisna

11 bl-għajnuna tat-talb tagħkom għalina. Hekk ħafna, minħabba d-don li rċevejna aħna, iroddu l-ħajr għall-grazzji li qlajna bis-saħħa tat-talb ta' ħafna.

### Għaliex ma marx iżurhom

12 Il-ftaħir tagħna hu dan: il-kuxjenza tagħna tixhdilna li aħna ġibna ruħna fid-dinja bis-sempliċità u s-sinċerità li ġejjin minn Alla mhux bl-għaqal tad-dinja, imma bil-grazzja ta' Alla, l-aktar fejn kelli x'naqsam magħkom.

13 Aħna ma niktbulkomx għajr dak li tistgħu taqraw u tifhmu. Nittamaw li intom tifhmu kollox sewwa,

14 bħalma ġa fhimtu xi ħaġa minna, sabiex intom tiftaħru bina u aħna niftaħru bikom f'Jum Sidna Ġesù Kristu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

15Jiena kont żgur minn dan, u għalhekk qabel ridt niġi għandkom, biex terġgħu tifirħu

16u ngħaddi mingħandkom għall-Maċedonja, u mbagħad nerġa' lura mill-Maċedonja għal għandkom u tqabbduni t-triq intom għal-Lhudija.

17Meta ddeċidejna li nagħmlu dan, jaqaw għamilna hekk bla ħsieb? Jaqaw dak li niddeċiedi, niddeċidih għall-interessi ta' din id-dinja, b'mod li jkun hemm fija "iva, iva" u "le, le" fl-istess ħin?

18Tassew, daqskemm tassew hu fidil Alla, li l-kelma tagħna lilkom ma kinitx "iva" u "le".

19L-Iben ta' Alla, Ġesù Kristu, li xandarnielkom aħna, jiena u Silvanu u Timotju, ma kienx "iva" u "le"; fih kien hemm l- "iva" weħidha.

20Għax fih il-wegħdiet ta' Alla kollha saru "iva". Hu għalhekk li aħna, permezz tiegħu, ngħidu l- "Ammen" għall-glorja ta' Alla.

21Alla hu li jwettaq kemm lilkom u kemm lilna fi Kristu, li kkonsagrana għalih innifsu;

22hu li ssiġillana wkoll bis-siġill tiegħu, u tana b'rahan l-Ispirtu fi qlubna.

23Jiena nsejjaħ lil Alla xhud tiegħi fuq ruħi li ma rġajtx ġejt Korintu biex naħfirhielkom.

24Mhux għax irridu nġegħlukom temmnu iżda li naħdmu flimkien għall-ferħ tagħkom, billi intom qegħdin iżżommu sħaħ fil-fidi.

## 2 Korintin 2

1Jien iddeċidejt li ma nerġax niġi għandkom bi swied ta' qalb.

2Għax jekk jien insewdilkom qalbkom, min se jferraħni, jekk mhux dawk stess li sewdu qalbhom minħabba fija?

3Jien ktibtilkom dan biex, meta niġi għandkom, ma jkollix swied ta' qalb minħabba dawk li għandi nifraħ bihom. Jien għandi fehma sħiħa li l-ferħ tiegħi hu l-ferħ tagħkom ilkoll.

4Iva, jiena ktibtilkom b'għafsa ta' qalb u bid-dmugħ, mhux biex insewdilkom qalbkom, iżda biex inġagħalkom tifhmu l-imħabba bla tarf li għandi għalikom.

### Maħfra

5Jekk xi ħadd ġieb swied il-qalb, mhux lili nikket, imma b'xi mod - bla ma nkabbarha - lilkom ilkoll.

6Biżżejjed għal dan il-kastig li tatu l-biċċa l-kbira tagħkom.


© 2020 Malta Bible Society.

7Mela issa intom għandkom tħennu għalih u tfarrġuh, li ma jmurx jaqta' jiesu taħt it-toqol tan-niket.

8Għalhekk nitlobkom turuh imħabbitkom għalih.

9Għalhekk ktibtilkom dik l-ittra; sabiex nippruvakom u nara tisimgħux minni f'kollox.

10Meta intom taħfru lil xi ħadd, naħfirlu jiena wkoll. Meta jien naħfer - jekk ħfirt xi ħaġa - ħfirtha minħabba fikom quddiem Kristu,

11biex ma jegħlibnix ix-Xitan, għax nafu x'inhuma l-ħsibijiet tiegħu.

### L-inkwiet ta' Pawlu

12Meta wasalt Troas biex inxandar l-Evanġelju ta' Kristu, il-Mulej fetaħli l-bibien kollha.

13Iżda ma kellix mistrieħ f'qalbi, għax ma stajtx insib lil ħija Titu; għalhekk sellimt lin-nies li joqogħdu hemmhekk u tlaqt lejn il-Maċedonja.

14Niżżi ħajr lil Alla, għax hu li jmexxina dejjem fir-rebħ fi Kristu u li jxerred ma' kullimkien permezz tagħna l-fwieħa tat-tagħrif tiegħu.

15Għaliex aħna nwasslu l-fwieħa ta' Kristu fost dawk li jsalvaw u fost dawk li jintilfu.

16Lil dawn tal-aħħar din il-fwieħa twassalhom għall-mewt, lil dawk twassalhom għall-ħajja. Min jinqala' għal din il-ħidma?

17Aħna m'aħniex bħal ħafna li jinnegozjaw il-kelma ta' Alla, iżda bħal nies b'qalbhom safja, bħal nies mibgħutin minn Alla, quddiem Alla nitkellmu fi Kristu.

## 2 Korintin 3

### Il-ministri tal-Patt il-Ġdid

1Nerġgħu nibdew nirrikkmandaw lilna nfusna? Għandna bżonn aħna, bħal xi wħud, b'xhieda għalina, ittri ta' rakkomandazzjoni għalikom jew mingħandkom?

2L-ittra tagħna hi intom, miktuba fuq qlubna, magħrufa u moqrija minn kulħadd.

3Intom tidhru li intom l-ittra ta' Kristu fdata f'idejna, miktuba mhux bil-linka, imma bl-Ispirtu ta' Alla l-ħaj; mhux fuq it-twavel tal-ġebel, iżda fuq it-twavel tal-laħam ta' qalbkom.

4Tant aħna għandna qalbna qawwija quddiem Alla permezz ta' Kristu!

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

[5]Mhux li aħna minna nfusna għandna l-ħila naħsbu li xi ħaġa ġejja minna nfusna; il-ħila tagħna ġejja mingħand Alla,

[6]li tana l-ħila li nkunu ministri tal-patt il-ġdid, il-patt mhux tal-ittra imma tal-Ispirtu; għax l-ittra toqtol, imma l-Ispirtu jagħti l-ħajja.

[7]Issa jekk il-ministeru tal-mewt imnaqqax fil-ġebel kien hekk imdawwal bil-glorja li wlied Iżrael ma setgħux iżommu għajnejhom f'wiċċ Mosè minħabba fid-dija ta' wiċċu - u din ma kinitx għal dejjem -

[8]kemm aktar ikun imdawwal bil-glorja l-ministeru tal-Ispirtu!

[9]Jekk il-ministeru tal-kundanna kien imdawwal bil-glorja, kemm aktar jiddi bil-glorja l-ministeru tal-ġustifikazzjoni!

[10]Anzi, minn daqshekk, dak li darba kellu l-glorja ma kellu glorja xejn ħdejn il-kobor bla qjies tal-glorja ta' issa.

[11]Jekk kien imdawwal bil-glorja l-ministeru li kellu jgħaddi, kemm aktar hu mdawwal bil-glorja dak li għandu jibqa'!

[12]Meta għandna din it-tama, aħna nagħmlu tassew il-qalb,

[13]u ma nagħmlux bħal Mosè, li xeħet velu fuq wiċċu biex ulied Iżrael ma jżommux għajnejhom fuq it-tmiem ta' dak li kellu jgħaddi u jiġi fix-xejn.

[14]Moħħhom iddallam, u sal-ġurnata tal-lum dak l-istess velu għadu fuqhom waqt il-qari tal-Kotba tal-Patt il-Qadim; ma jitneħħiex, għax permezz ta' Kristu biss jitneħħa.

[15]Sal-lum stess, kull meta jaqraw il-Liġi ta' Mosè hemm velu fuq qalbhom;

[16]dan il-velu jitneħħa meta jerġgħu lura lejn il-Mulej.

[17]Għax il-Mulej huwa l-Ispirtu, u fejn hemm l-Ispirtu tal-Mulej hemm il-ħelsien.

[18]Aħna lkoll, li b'wiċċna mikxuf nirriflettu bħal f'mera l-glorja tal-Mulej, qegħdin ninbidlu fl-istess xbieha minn glorja għal glorja skont ma jagħtina l-Mulej, li hu Spirtu.

## 2 Korintin 4

### Teżori fil-fuħħar

[1]Ladarba għall-ħniena ta' Alla aħna għandna dan il-ministeru, ma naqtgħux qalbna;

[2]imma nwarrbu kull ħabi u għajb; u la nimxu bil-qerq u lanqas ngħawġu l-kelma ta' Alla, iżda nuru l-verità kollha u nħallu l-kuxjenza ta' kull bniedem tiġġudikana hi quddiem Alla.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[3]Jekk imbagħad l-Evanġelju tagħna jibqa' mistur għal dawk li jintilfu;

[4]dawk li l-alla ta' din id-dinja dallmilhom il-moħħ tagħhom nieqes mill-fidi, biex ma jarawx jiddi d-dawl tal-Evanġelju glorjuż ta' Kristu, li hu xbieha ta' Alla.

[5]Għax aħna 'l Ġesù l-Mulej qegħdin inxandru, u mhux lilna nfusna; aħna m'aħniex ħlief qaddejja tagħkom minħabba f'Ġesù Kristu.

[6]Dan Alla li qal: "Ħa jiddi d-dawl mid-dlam", dak hu li idda fi qlubna biex jagħtina d-dawl tal-għarfien tal-glorja ta' Alla, li tiddi f'wiċċ Kristu.

[7]Dan it-teżor qiegħed għandna f'ġarar tal-fuħħar, ħalli b'hekk jidher sewwa li l-kobor ta' din il-qawwa ġej minn Alla, u mhux minna.

[8]Aħna minn kullimkien ninsabu magħfusin, iżda m'aħniex mgħattnin; imħassbin, iżda ma għandniex qalbna maqtugħa;

[9]ippersegwitati, iżda m'aħniex abbandunati; mixħutin mal-art, iżda m'aħniex meqrudin.

[10]F'ġisimna dejjem inġorru l-mewt ta' Ġesù, biex f'ġisimna tidher ukoll il-ħajja ta' Ġesù.

[11]Għax aħna, għad li qegħdin ngħixu, ninsabu dejjem mogħtija għall-mewt minħabba f'Ġesù biex il-ħajja ta' Ġesù wkoll tkun tidher fil-ġisem tagħna li jmut.

[12]U b'hekk fina taħdem il-mewt, imma fikom taħdem il-ħajja.

[13]Imma billi aħna għandna l-istess spirtu ta' fidi li fuqu hemm miktub: "Emmint, u għalhekk tkellimt", aħna wkoll emminna, u għalhekk tkellimna;

[14]għax nafu li dak li qajjem lill-Mulej Ġesù, lilna wkoll għad iqajjimna flimkien ma' Ġesù u jressaqna quddiemu flimkien magħkom.

[15]Għax dan kollu minħabba fikom, biex il-grazzja tilħaq ħafna bnedmin oħra, u b'hekk jitkattar ir-radd ta' ħajr, għall-glorja ta' Alla.

### Ngħix bil-fidi

[16]Għalhekk ma naqtgħux qalbna, għax imqar jekk il-bniedem ta' barra jitħassar, il-bniedem ta' ġewwa jiġġedded minn jum għal jum.

[17]Id-daqsxejn ta' tbatija tagħna ta' issa tħejjilna kobor ta' glorja bla qjies għal dejjem;

[18]lilna li ma nħarsux lejn il-ħwejjeġ li jidhru, iżda lejn dawk li ma jidhrux. Dawk li jidhru huma għal żmien qasir, dawk li ma jidhrux huma għal dejjem.

## 2 Korintin 5

[1]Aħna nafu li jekk din it-tinda tal-għamara tagħna fl-art tiġġarraf, aħna għandna dar oħra, maħduma mhux bl-idejn, imma xogħol ta' Alla, għal dejjem fis-sema.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[2]Aħna f'din nitniehdu, imxennqa li nilbsu fuq din l-għamara tal-ġisem l-għamara l-oħra tas-sema.

[3]Għax jekk nilbsu din ma ninstabux għarwenin.

[4]Aħna, li qegħdin f'din it-tinda, nitniehdu, imgħobbija kif aħna; għalhekk ma rridux ninżgħu, iżda nilbsu oħra minn fuq biex il-ġisem li jmut jinxtorob mill-ħajja.

[5]Alla stess sawwarna għal dan, hu li tana r-rahan tal-Ispirtu.

[6]Aħna dejjem qalbna qawwija u nafu li sakemm indumu mlibbsa b'dan il-ġisem, nibqgħu 'l bogħod mill-Mulej; …

[7]aħna ngħixu bil-fidi u mhux bil-viżjoni …

[8]Aħna qalbna qawwija u persważi li aħjar noħorġu minn dan il-ġisem u mmorru noqogħdu għand il-Mulej.

[9]Għalhekk fuq kollox aħna nfittxu li nogħġbu lilu, sew jekk nibqgħu hawn, sew jekk noħorġu minn dan il-ġisem.

[10]Jeħtieġ li lkoll kemm aħna nidhru quddiem it-tribunal ta' Kristu, ħalli kulħadd jieħu skont it-tajjeb jew il-ħażin li jkun għamel meta kien għadu ħaj fil-ġisem.

### Il-ministeru tar-rikonċiljazzjoni

[11]Aħna li nafu x'jiġifieri l-biża' tal-Mulej, nipperswadu lill-bnedmin għal magħna. Alla jafna; nittama li l-kuxjenza tagħkom tafna wkoll.

[12]M'aħniex nerġgħu nirrikkmandaw ruħna lilkom, imma qegħdin nagħtukom raġun tiftaħru bina, biex ikollkom xi twieġbu lil dawk kollhom ftaħir fil-wiċċ minn barra, imma mhux mill-qalb.

[13]Jekk aħna boloh, aħna boloh għal Alla; jekk aħna f'sensina, aħna f'sensina għalikom.

[14]L-imħabba ta' Kristu ġġegħelna naħsbu dan: li wieħed miet għal kulħadd, mela kulħadd miet.

[15]U miet għal kulħadd biex dawk li jgħixu ma jgħixux għalihom infushom, imma għal dak li miet u rxoxta għalihom.

[16]Għalhekk aħna ma nagħrfu lil ħadd skont il-ġisem. Jekk għarafna lil Kristu skont il-ġisem, issa ma nagħrfuhx aktar hekk.

[17]Meta wieħed jingħaqad ma' Kristu, isir ħolqien ġdid; il-qadim għadda u daħal il-ġdid.

[18]Kollox ġej minn Alla li ħabbibna miegħu nnifsu permezz ta' Kristu u tana l-ministeru ta' din il-ħbiberija tal-bnedmin ma' Alla.


© 2020 Malta Bible Society.

19Alla kien li ħabbeb il-ħolqien miegħu nnifsu permezz ta' Kristu, bla ma qagħad
iżomm il-kont ta' dnubiethom, u fdalna l-ministeru ta' din il-ħbiberija.

20Aħna nagħmluha ta' ambaxxaturi ta' Kristu bħallikieku Alla stess qiegħed
isejjaħ permezz tagħna, nitolbu fuq li nitolbu f'ġieħ Kristu: "Ħallu lil Alla
jħabbibkom miegħu."

21Dak li ma kienx jaf x'inhu dnub, Alla għamlu dnub għalina sabiex aħna nsiru
fih ġustizzja ta' Alla.

## 2 Korintin 6

1Ladarba qegħdin naħdmu flimkien ma' Alla, aħna mela nħeġġukom biex ma
tirċevux il-grazzja tiegħu għal xejn.

2Għax hu jgħid: "Fiż-żmien it-tajjeb smajtek, f'jum is-salvazzjoni għentek."
Araw, issa hu ż-żmien tajjeb; araw, issa hu jum is-salvazzjoni!

### Pawlu jiftaħ qalbu

3Aħna xejn ma nagħmlu li jista' jkun ta' tfixkil lil xi ħadd, biex il-ministeru
tagħna ma jaqax fl-għajb.

4F'kollox inqisu ruħna bħala ministri ta' Alla, bis-sabar kollu fit-tiġrib, fit-
tbatija, fid-djieqa,

5fis-swat, fil-ħabsijiet, fit-tixwix, fit-taħbit, fis-sahriet bla rqad, fis-sawm;

6bis-safa tal-qalb, bl-għerf, bis-sabar, bil-ħlewwa, bi spirtu qaddis, bl-imħabba
sinċiera,

7bil-kelma tas-sewwa, bil-qawwa ta' Alla, bl-armi tal-ġustizzja fuq il-lemin u fuq
ix-xellug,

8fil-ġieħ u fl-għajb, kemm jekk jgħidu l-ħażin u kemm jekk jgħidu t-tajjeb fuqna;
iżommuna bħala nies qarrieqa, lilna li ngħidu s-sewwa;

9bħala nies li ma jafhom ħadd, għad li kulħadd jafna; bħala nies f'xifer il-mewt,
għad li aħna ħajjin; bħala nies ikkastigati, għad li m'aħniex mogħtijin għall-
mewt;

10bħala nies imdejqa, għad li dejjem ferħana; bħala nies foqra, għad li nagħmlu
għonja lil ħafna; bħala nies li ma għandhom xejn, għad li kollox huwa tagħna!

11Ftaħna fommna għalikom, o Korintin, b'qalbna miftuħa beraħ!

12Għalikom m'hemmx djieq f'qalbna; id-djieq qiegħed f'qalbkom.

13Hallsuna, qiegħed inkellimkom bħal uliedi, billi tiftħu qalbkom beraħ intom
ukoll!

### Tempju ta' Alla l-ħaj


© 2020 Malta Bible Society.

14La tintrabtux mal-pagani taħt madmad wieħed li ma jiġikomx. X'għandhom
x'jaqsmu bejniethom il-ġustizzja u l-ħażen? X'xirka hemm bejn id-dawl u d-
dlam?

15Xi ftehim hemm bejn Kristu u Beljar? Jew x'għandu x'jaqsam min jemmen ma'
min ma jemminx?

16X'rabta hemm bejn it-tempju ta' Alla mal-idoli? Aħna t-tempju ta' Alla l-ħaj.
Kif jgħid Alla: Ngħammar f'nofshom u nimxi magħhom. Inkun Alla tagħhom; U
huma jkunu l-poplu tiegħi.

17 Għalhekk oħorġu minn ġo nofshom, u nfirdu minnhom, jgħid il-Mulej; la
tmissux l-imniġġes, u jien nilqagħkom;

18 u nkun għalikom missier u intom tkunu għalija wlied, subjien u bniet, jgħid
il-Mulej, li jista' kollox.

## 2 Korintin 7

1Meta għandna dawn il-wegħdiet, għeżież tiegħi, ħa nitnaddfu minn kull tidnis
tal-ġisem u tar-ruħ, u ntemmu l-qdusija tagħna fil-biża' ta' Alla.

### Il-ferħ ta' Pawlu u l-indiema tal-Korintin

2Agħmlulna l-wisa' f'qalbkom! Ma nqasna lil ħadd; ma għamilna deni lil ħadd;
ma qarraqna b'ħadd!

3M'iniex ngħid dan biex nikkundannakom; għaliex, kif għedt qabel, intom ilkoll
qegħdin f'qalbi biex immutu u ngħixu flimkien.

4Jien għandi qalbi qawwija minħabba fikom; inħossni kburi ħafna bikom; kollni
faraġ; imfawwar bil-ferħ fost id-djieqa kollha tagħna.

5Meta morna l-Maċedonja, ma kellna ebda mistrieħ f'ġisimna, iżda taħbit
f'kollox - taqbid minn barra u biża' minn ġewwa.

6Imma Alla, li jfarraġ lill-umli, farraġna bil-wasla ta' Titu.

7Mhux biss bil-wasla ta' dan, iżda wkoll bil-faraġ li bih tfarraġ hu stess
minħabba fikom; qalilna bix-xewqa tagħkom, bil-biki tagħkom, biż-żelu
tagħkom għalija; u hekk jien fraħt iktar.

8Għax jekk sewwidtilkom qalbkom bl-ittra, ma għandix għax nindem; u jekk
nindem - qiegħed nara li b'din l-ittra sewwidtilkom qalbkom, għalkemm għal
ftit -

9issa nifraħ; mhux għax sewwidtilkom qalbkom imma għax minn swied il-qalb
wasaltu għall-indiema. Sewwidtilkom qalbkom kif irid Alla, b'mod li
m'għamilnielkom l-ebda ħsara.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

10Swied il-qalb kif irid Alla jnissel l-indiema għas-salvazzjoni, li minnha ħadd ma jibdielu; imma swied il-qalb kif trid id-dinja jwassal għall-mewt.

11Araw dan is-swied il-qalb kif irid Alla x'ħeġġa nissel fikom, x'ġustifikazzjoni tagħkom infuskom, x'għadab, x'biża', x-xewqa, x'żelu, u x-xewqa biex issir ġustizzja. F'kulma ġara ġibtu ruħkom bla ħtija.

12Mela jekk ktibtilkom, ma ktibtilkomx minħabba min għamel id-deni jew min sofra xi deni, iżda biex jidher iż-żelu li għandkom għalina quddiem Alla.

13Minħabba dan tfarraġna. Barra minn dan il-faraġ, fraħna aktar minħabba l-ferħ ta' Titu, għaliex ilkoll kemm intom ferraħtulu qalbu.

14Jekk ftaħart xi ftit bikom miegħu ma kellix għax nistħi; imma kif dejjem għedtilkom il-verità, hekk ukoll il-ftaħir tagħna ma' Titu deher li kien veru.

15U qalbu xegħlet aktar għalikom meta ftakar fl-ubbidjenza tagħkom, kif ilqajtuh bil-biża' u t-tregħid.

16Nifraħ għaliex għal kollox nista' norbot fuqkom.

## 2 Korintin 8

### L-għajnuna ġeneruża lill-foqra

1Aħna għarrafnielkom, l-aħwa, il-grazzja ta' Alla li ngħatat lill-knejjes tal-Maċedonja,

2għaliex fil-prova l-kbira tas-sofferenza, il-ferħ tagħhom kien kbir u l-faqar bla tarf tagħhom safa ta' għana kbir biex taw minn qalbhom.

3Għaliex taw minn rajhom kemm setgħu, u, nixhedhulkom jien, aktar milli setgħu.

4Talbuna b'ħeġġa kbira din il-grazzja, jiġifieri, li jissieħbu f'dan il-ministeru ta' għajnuna lill-qaddisin,

5u aktar milli ttamajna aħna, huma taw ruħhom l-ewwel lill-Mulej, imbagħad lilna bir-rieda ta' Alla.

6U hekk tlabna lil Titu, li beda dan ix-xogħol, biex itemm din il-ħidma ta' ħniena fostkom.

7Iżda bħalma intom għonja f'kollox, fil-fidi u fil-kelma, fl-għerf u fiż-żelu kollu, fl-imħabba li aħna rawwimna f'qalbkom, hekk għandkom tistagħnu f'din il-ħidma ta' ħniena.

8M'iniex nordnalkom; iżda permezz tal-ħerqa li wera ħaddieħor, irrid nipprova kemm hi sinċiera l-imħabba tagħkom.


© 2020 Malta Bible Society.

9Intom tafu l-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, li għad li kien għani, ftaqar minħabba
fikom, sabiex intom tistagħnu permezz tal-faqar tiegħu.

10Jiena parir qiegħed nagħti f'dan; għax dan ikun jaqblilkom, lilkom, li s-sena l-
oħra kontu l-ewwel nies, mhux biss li ndħaltu għal dan x-xogħol, imma li ridtuh
ukoll.

11Issa mela temmu dak li bdejtu tagħmlu, ħalli b'hekk, bħalma ridtuh minn
qalbkom hekk ukoll ittemmuh, kulħadd skont ma għandu.

12Jekk il-qalb tkun hemm, dak li jkun jingħoġob skont ma għandu, u mhux skont
li ma għandux.

13Mhux biex il-piż iħeff minn fuq l-oħrajn u jaqa' kollu fuqkom, imma kulħadd
indaqs.

14Bħalissa ħallu ż-żejjed tagħkom jagħmel tajjeb għan-nieqes ta' dawk li ma
għandhomx, biex iż-żejjed tagħhom għad ikun jista' jpatti għan-nieqes
tagħkom. U hekk ikun kulħadd indaqs,

15bħalma hu miktub: "Min ġabar ħafna ma sabx iż-żejjed, u min ġabar ftit ma
baqax bin-nieqes."

### Titu u sħabu

16Ħajr lil Alla li nissel l-istess ħerqa f'qalb Titu għalikom.

17Għaliex mhux biss laqa' t-talba tagħna, iżda minn qalbu ġej għandkom
minħabba ż-żelu li għandu għalikom.

18Miegħu qegħdin nibagħtu wkoll lil ħuna li l-knejjes kollha jfaħħru minħabba
x-xogħol tiegħu fix-xandir tal-Evanġelju.

19Mhux biss dan, imma kien ukoll magħżul mill-knejjes biex ikun is-sieħeb
magħna fis-safar tagħna f'dan il-ministeru ta' karità għall-glorja ta' Alla u
xhieda tar-rieda tajba tagħna.

20Għax qegħdin attenti li ħadd ma jkollu xi jgħid fina minħabba l-mod li bih sa
nħaddmu din il-ġabra kbira.

21Aħna nfittxu s-sewwa mhux biss quddiem Alla iżda wkoll quddiem il-
bnedmin.

22Qegħdin nibagħtu magħhom lil ħuna, li l-ħeġġa tiegħu ppruvajnieha kemm-il
darba b'ħafna manjieri u sibnieh dejjem mimli ħeġġa, iżda issa mħeġġeġ aktar
minħabba l-fiduċja kbira li għandu fikom.

23Dwar Titu, imbagħad, ngħid biss li huwa sieħbi u ħaddiem miegħi għalikom;
u fl-aħħar dwar ħutna, dawn huma l-messaġġiera tal-knejjes, u l-glorja ta'
Kristu.


© 2020 Malta Bible Society.

24Agħtuhom mela, xhieda ta' mħabbitkom quddiem il-knejjes u tal-verità tal-ftaħir tagħna bikom.

## 2 Korintin 9

### L-offerta għall-insara

1Dwar l-għajnuna li għandkom tagħtu lill-qaddisin, kollu żejjed li niktbilkom.

2Naf ir-rieda tajba tagħkom. U jien ftaħart bikom quddiem in-nies tal-Maċedonja u għedt: "In-nies tal-Akaja jinsabu lesti mis-sena l-oħra"; u l-ħeġġa tagħkom qanqlet lil ħafna minnhom.

3Madankollu jien bgħatt lill-aħwa, biex il-ftaħir tagħna bikom ma jisfax fix-xejn f'din il-ħaġa sabiex, kif għedtilkom, tkunu lesti,

4u hekk ma jmurx jiġri li jiġu xi Maċedonin miegħi u jsibukom m'intomx lesti, u ġġegħluna nistħu, biex ma ngħidx intom, minn din il-fiduċja tagħna fikom.

5Għalhekk aħna ħassejna l-bżonn li nitolbu lil dawn l-aħwa biex jiġu għandkom qabilna u jlestu l-offerta li kontu wegħedtu qabel; u hekk din tkun lesta, mhux bħala ħaġa bilfors, imma bħala ħaġa ħierġa mill-qalb.

6Jien dan ngħid: min jiżra' ftit, jaħsad ftit; u min jiżra' ħafna, jaħsad ħafna.

7Kull wieħed għandu jagħti skont ma jidhirlu hu minn rajh, mhux fuq il-qalb jew bilfors; għax Alla jħobb lil min jagħti bil-ferħ.

8Alla mbagħad għandu l-ħila jfawwarkom b'kull xorta ta' barka, hekk li dejjem u f'kollox ikollkom kulma hu biżżejjed għalikom, u jibqgħalkom ukoll għal kull opra tajba.

9Bħalma hu miktub: "Huwa qassam bil-kotra u ta lill-fqar; il-ġustizzja tiegħu tibqa' għal dejjem."

10Dak li, lil min jiżra' jagħtih iż-żerriegħa u l-ħobż għall-ikel, jagħti u jkattar iż-żerriegħa lilkom ukoll, u jżid il-frott tal-ġustizzja tagħkom.

11U intom tistagħnu b'kull ġid, ħalli turu kull xorta ta' ġenerożità li biha, permezz tagħna, jitla' innu ta' radd il-ħajr quddiem Alla.

12Għaliex il-ministeru ta' dan is-servizz mhux biss itaffi l-bżonnijiet tal-qaddisin, imma wkoll inissel kotra ta' radd il-ħajr lil Alla;

13dan il-ministeru juri x'intom, u huma jagħtu glorja lil Alla minħabba l-ubbidjenza tagħkom għall-Evanġelju ta' Kristu u tal-ġenerożità tal-għotja tagħkom lilhom u lil kulħadd;

14u t-talb tagħhom għalikom juri l-imħabba kbira li għandhom għalikom minħabba l-grazzja bla qjies ta' Alla għalikom.


© 2020 Malta Bible Society.

15Hajr lil Alla għad-don tiegħu li ma jitfissirx bil-kliem.

## 2 Korintin 10

### Pawlu jiddefendi l-ministeru tiegħu

1Jiena, Pawlu, nitlobkom f'ġieħ l-umiltà u l-ħlewwa kollha ta' Kristu - jien, li jien
umli meta nkun fostkom, u qalbieni meta nkun 'il bogħod minnkom -

2nitlobkom li ma jkollix għalfejn ninqeda b'din il-ħila, u bil-qawwa li biha bi
ħsiebni ninqeda ma' dawk li jaħsbu li aħna nimxu skont id-dinja.

3Tassew li aħna ngħixu fid-dinja, imma ma nissarawx bl-armi tad-dinja;

4l-armi tagħna għall-ġlied mhumiex tad-dinja; iżda għandhom il-qawwa ta' Alla
biex iġarrfu l-fortizzi. Aħna nwaqqgħu kull raġunament

5u kull kburija li tqum kontra l-għarfien ta' Alla u njassru kull ħsieb għall-
ubbidjenza lil Kristu.

6Aħna lesti biex nikkastigaw kull diżubbidjenza meta tkunu obdejtu għalkollox.

7Intom qegħdin tħarsu fil-wiċċ. Jekk xi ħadd jaħseb li hu ta' Kristu, ħa jaħseb ftit
fih innifsu, għax aħna ta' Kristu bħalma hu hu.

8Jekk ikolli niftaħar xi ftit iżżejjed bis-setgħa tagħna, is-setgħa li tana l-Mulej,
biex nibnukom u mhux biex inġarrfukom, ma jkollniex għax nistħu.

9Ma rridx nidher qisni qiegħed inbeżżagħkom bl-ittri tiegħi.

10Xi ħadd jgħid: 'L-ittri huma iebsa u qawwija; imma meta hu jkun hawn ikun
qisu bla ħila u kliemu ta' min jistmerru'.

11Dan għandu jdaħħal f'rasu li aħna l-istess, sew fil-kelma tal-ittri sew
f'għemilna meta nkunu fostkom.

12Aħna ma nissugrawx niddaqqsu jew nitqabblu ma' dawk li jiftaħru bihom
infushom. Meta dawn iqisu ruħhom bihom infushom u jqabblu lil ruħhom
magħhom infushom ikunu bla moħħ.

13Aħna ma niftaħrux bla qjies, iżda skont il-qjies tal-limiti li tana Alla bħala
qjies, jiġifieri, li naslu sa għandkom.

14Aħna ma morniex lil hemm milli jmissna, bħallikieku ma ġejniex għandkom;
għax aħna wasalna sa għandkom bl-Evanġelju ta' Kristu.

15Aħna m'aħniex niftaħru barra mill-qjies, jiġifieri, bix-xogħol ta' ħaddieħor;
aħna għandna t-tama li l-fidi tagħkom tikber u nikbru aħna skont il-qjies
tagħna,


© 2020 Malta Bible Society.

[16]billi nxandru l-Evanġelju lil hemm minnkom bla ma nidħlu fil-qasam ta' ħaddieħor u niftaħru bix-xogħol li diġà jkun sar.

[17]L-Iskrittura tgħid: Min irid jiftaħar, ħa jiftaħar fil-Mulej.

[18]Għax mhux dak li jiftaħar bih innifsu jkun jingħoġob, imma dak li jfaħħru l-Mulej.

## 2 Korintin 11

### Pawlu u l-profeti foloz

[1]Mhux li kontu tieħdu ftit paċenzja bil-bluha tiegħi! Naf, iva, li tieħdu paċenzja bija.

[2]Jiena għajjur għalikom bl-istess għira ta' Alla: għax jiena għarrastkom lil għarus wieħed, bħallikieku kontu xebba safja biex irressaqkom quddiem Kristu.

[3]Jiena nibża' li, bħalma s-serp qarraq b'Eva bil-ħażen tiegħu, hekk fehmietkom jitħassru mis-sempliċità u s-safa tagħhom fi Kristu.

[4]Għax jekk xi ħadd jiġi jxandar Ġesù ieħor, mhux dak li xandarnielkom aħna, jew tieħdu Spirtu ieħor, barra dak li ħadtu, jew xi Evanġelju ieħor barra dak li lqajtu, intom kontu tistabru bih.

[5]Naħseb li jien m'iniex inqas minn dawn l-appostli kbar.

[6]Jekk jien ma ninqalax fil-kliem, ninqala' fl-għerf; dan aħna wrejnihulkom bid-dieher b'kull mod u quddiem kulħadd.

[7]Jaqaw għamilt xi dnub meta jien ċekkint lili nnifsi biex intom togħlew? Meta ħabbartilkom l-Evanġelju ta' Alla b'xejn?

[8]Neżżajt il-knejjes l-oħra, billi ħadt mingħandhom l-għajxien tiegħi biex naqdi lilkom;

[9]u meta ġejt għandkom u ġejt fil-bżonn, ma dejjaqt lil ħadd. Għall-ħtiġiet tiegħi ħasbu fuq li ħasbu l-aħwa li ġew mill-Maċedonja. F'kollox ġibt ruħi b'mod li ma nkunx ta' piż għalikom, u hekk nibqa' nġib ruħi.

[10]Fuq il-verità ta' Kristu li hemm fija, din ir-raġuni għall-ftaħir tiegħi ma jeħodhieli ħadd fl-inħawi tal-Akaja.

[11]Għaliex? Għax ma nħobbkomx? Alla jaf li jien inħobbkom.

[12]Dak li qiegħed nagħmel, nibqa' nagħmlu, sabiex naqta' l-okkażjoni lil dawk li qegħdin ifittxu okkażjoni biex f'dak li huma jiftaħru bih jinstabu bħalma aħna aħna.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

13Dawk l-appostli foloz, ħaddiema qarrieqa, ibiddlu lilhom infushom f'appostli
ta' Kristu.

14Mhux għaġeb, għax Satana stess jitbiddel f'anġlu tad-dawl.

15Mhijiex ħaġa kbira, mela, jekk il-qaddejja tiegħu jitbiddlulek bħallikieku
kienu qaddejja tal-ġustizzja. Iżda tmiemhom ikun skont għemilhom.

### X'għadda minn għala Pawlu

16Nerġa' ngħidilkom, ħadd ma għandu jaħseb li jien xi iblah. Jekk le, ma jkun
ġara xejn li tgħodduni bħala wieħed iblah sabiex inkun nista' niftaħar xi ftit.

17Li sa ngħid issa mhux skont il-Mulej, iżda bħallikieku f'ġenn, b'rasi mimlija li
niftaħar.

18Jekk ħafna jiftaħru ta' bnedmin, ħa niftaħar jien.

19Intom, li intom kemm intom għaqlin, bil-qalb it-tajba tieħdu paċenzja bil-
boloh.

20Iva, intom tieħdu kollox bis-sabar jekk xi ħadd ijassarkom, jekk xi ħadd
jikolkom, jekk xi ħadd jisraqkom, jekk xi ħadd jitkabbar magħkom, jekk xi ħadd
jagħtikom bil-ħarta.

21B'għajb għalija ngħidu, li minn daqshekk aħna konna nies bla ħila ta' xejn.
Imma - biex nitkellem ta' iblah - f'dak li ħaddieħor jagħmel wiċċu, nagħmel
wiċċi jiena wkoll.

22Huma Lhud? Jiena wkoll. Huma Iżraelin? Jiena wkoll. Huma nisel Abraham?
Jiena wkoll.

23Huma ministri ta' Kristu? Jiena - ħa nitkellem ta' iblah! - jiena aktar minnhom.
Ħafna aktar minnhom fit-taħbit, ħafna aktar minnhom fil-ħabsijiet, aktar u
aktar minnhom fis-swat. Bosta drabi sibt ruħi wiċċ imb wiċċ mal-mewt.

24Ħames darbiet qlajt mingħand il-Lhud l-erbgħin daqqa neqsin waħda;

25tliet darbiet tawni s-swat bil-virgi; darb'oħra ħaġġruni. Tliet darbiet rajt l-
għarqa; għaddejt lejl u jum f'nofs ta' baħar.

26Għamilt safar bla għadd; sibt ruħi f'perikli ta' xmajjar, perikli mill-ħallelin,
perikli min-nies ta' ġensi, perikli mill-pagani, perikli fl-ibliet, perikli fid-deżert,
perikli fil-baħar, perikli mill-aħwa qarrieqa.

27Taħbit u xogħol iebes; kemm-il darba kelli ngħaddi sahriet bla rqad, bil-ġuħ u
bil-għatx; kemm-il darba kelli ngħaddi fis-sawm, fil-ksieħ u fl-għera!

28U, biex ma nsemmix ħwejjeġ oħra, dak il-ħafna ġej u sejjer tan-nies ta' kuljum
għandi, u l-ħsieb tal-knejjes kollha!


© 2020 Malta Bible Society.

[29]Min hu marid u m'iniex marid miegħu jien? Min hu dak li jsib min ifixklu, u jien ma nħossnix imbaqbaq?

[30]Jekk għandi niftaħar, niftaħar b'dak li hu dgħajjef fija.

[31]Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu - li hu mbierek għal dejjem - jaf li m'iniex nigdeb.

[32]Meta kont f'Damasku, il-gvernatur tas-Sultan Areta qiegħed l-għases mal-belt ta' Damasku biex jaqbadni,

[33]iżda niżżluni ġo qoffa minn tieqa fil-ħitan tal-belt, u ħrabt minn taħt idejh.

## 2 Korintin 12

### Viżjonijiet u rivelazzjonijiet

[1]Ikolli niftaħar. Tassew li xejn mhu se jiswieli, imma niġu għall-viżjonijiet u r-rivelazzjonijiet tal-Mulej.

[2]Naf wieħed, jemmen fi Kristu, li erbatax-il sena ilu kien meħud sat-tielet sema - jekk hux bil-ġisem jew mingħajr il-ġisem jien ma nafx, dan Alla jafu.

[3]U naf li dan il-bniedem kien meħud fil-ġenna - jekk hux fil-ġisem jew mingħajr il-ġisem jien ma nafx, dan Alla jafu -

[4]u sama' jingħadu ħwejjeġ li ma jitfissrux bil-kliem u li ebda bniedem ma jista' jgħidhom.

[5]B'dan niftaħar jien, imma bija nnifsi ma niftaħarx ħlief b'dak li hu dgħajjef fija.

[6]Għax kieku rrid niftaħar, ma nkunx qed nitbellah, għax inkun qed ngħid is-sewwa. Imma nżomm ruħi lura, biex ma jkunx hemm min jaħseb li jien xi ħaġa aktar minn dak li jilmaħ fija jew minn dak li jismagħni ngħid.

[7]U li ma mmurx nintefaħ bija nnifsi minħabba fil-kobor tar-rivelazzjonijiet, tqegħditli xewka f'ġismi, messaġġiera tax-Xitan, biex toqgħod tniggiżni ħalli ma nintefaħx.

[8]Fuq hekk tliet darbiet tlabt il-Mulej biex hi titbiegħed minni.

[9]Iżda hu weġibni: "Biżżejjed għalik il-grazzja tiegħi; għax il-qawwa tiegħi tidher fl-aqwa tagħha fejn hemm id-dgħajjef." Għalhekk niftaħar minn qalbi l-aktar bid-debbulizzi tiegħi biex il-qawwa ta' Kristu tgħammar fija.

[10]Mela bil-qalb kollha nitgħaxxaq bid-debbulizzi tiegħi, bit-tagħjir, bl-għaks, bil-persekuzzjonijiet, bid-dwejjaq minħabba Kristu; għax meta nkun dgħajjef, inkun qawwi.

### Pawlu jaħseb fil-Korintin

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[11]Tbellaht! Imma intom ġegħeltuni. Intom kien imisskom faħħartuni! F'xejn ma jien inqas minn dawn l-appostli l-kbar, għalkemm ma jien xejn.

[12]Is-sinjali tal-appostlu jien għamilthom f'nofskom bis-sabar kollu, b'sinjali u għeġubijiet u għemejjel ta' qawwa.

[13]Fiex intom inqas mill-knejjes l-oħra, ħlief li jien qatt ma kont piż għalikom! Aħfruli din il-ħtija.

[14]Araw, jien lest biex niġi għat-tielet darba għandkom u ma nkunx ta' piż għalikom; m'iniex infittex ħwejjiġkom, iżda lilkom; għax mhux sewwa li l-ulied ifaddlu għall-ġenituri, iżda l-ġenituri jfaddlu għal uliedhom.

[15]Jiena bil-qalb kollha nonfoq u nintefaq għall-ġid ta' rwieħkom. Tħobbuni inqas għax jien inħobbkom daqshekk?

[16]Hu x'inhu, jien ma kontx ta' piż għalikom. Imma billi jien għaqli, ħtaftkom bil-qerq. Ta' ħażin li kont qarraqt bikom.

[17]Jaqaw fittixt li naqla' xi ħaġa minn fuqkom b'xi ħadd minn dawk li bgħatt għandkom?

[18]Jien tlabt lil Titu u bgħatt miegħu wieħed mill-aħwa. Jaqaw Titu qala' xi ħaġa mingħandkom? Jaqaw ma ġibniex ruħna t-tnejn bl-istess spirtu? Ma mxejniex fl-istess triq?

[19]Intom minn żmien ilu kontu taħsbu li jien qiegħed niddefendi ruħi quddiemkom. Quddiem Alla fi Kristu qegħdin nitkellmu, u dan nagħmlu, għeżież tiegħi, għall-edifikazzjoni tagħkom.

[20]Nibża' li meta nerġa' niġi għandkom, ma nsibkomx kif nixtieq, u intom issibu lili mhux kif tixtiequ; nibża' li nsib ġlied, għira, korla, partiti, tqassis, qlajja', tagħjir, u taħwid.

[21]Nibża' li meta nerġa' niġi għandkom, Alla tiegħi jċekkinni minħabba fikom, u nibki minħabba ħafna minnkom li dinbu u ma kkonvertewx mill-faħx u ż-żina u t-tbahrid li għamlu.

## 2 Korintin 13

### L-aħħar twiddib u tislijiet

[1]Din hi t-tielet darba li ġej għandkom. Fuq il-kelma ta' żewġ xhieda jew tlieta titwettaq kull kelma.

[2]Għedthulkom minn qabel u nerġa' ngħidhulkom, bħal meta kont għandkom it-tieni darba u issa li m'iniex hemm, lil dawk li kienu dinbu u lill-oħrajn ilkoll: li jekk nerġa' niġi ma naħfrilhomx.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

3Għax intom tridu l-prova li Kristu jitkellem fija, hu, li m'huwiex dgħajjef għalikom, iżda juri qawwietu fikom.

4Kien imsallab minħabba d-dgħufija tiegħu, iżda issa jgħix bil-qawwa ta' Alla. U aħna wkoll dgħajfa fih, iżda ngħixu miegħu bil-qawwa ta' Alla għalikom.

5Għarblu lilkom infuskom jekk intomx fil-fidi; ġarrbu lilkom infuskom. Ma tafux intom li Kristu Ġesù jinsab fikom? Jekk imbagħad intom ma ħżintux għall-aħħar!

6Nittama li intom tafu li aħna m'aħniex ħżiena għall-aħħar.

7Nitolbu lil Alla li ma tagħmlu ebda deni, mhux biex aħna nidhru approvati, iżda biex intom tagħmlu t-tajjeb; imqar jekk aħna nitqiesu bla setgħa.

8Ma nistgħu nagħmlu xejn kontra l-verità, iżda għall-verità.

9Nifirħu kull meta aħna nkunu dgħajfa, u intom setgħana. Dan kollu nitolbuh, jiġifieri, li intom tkunu perfetti.

10Għalhekk qiegħed nikteb dan, issa li jien imbiegħed, sabiex meta nkun hemm ma nkunx iebes skont is-setgħa li l-Mulej tani biex nibni, u mhux biex inħott.

11Mill-bqija, l-aħwa, ifirħu, ħabirku għall-perfezzjoni, isimgħu milli wieħed jgħidilkom, kunu ta' fehma waħda, żommu s-sliem, u Alla tal-imħabba u s-sliem ikun magħkom.

12Sellmu lil xulxin b'bewsa qaddisa. Il-qaddisin kollha jsellmulkom.

13Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu, l-imħabba ta' Alla u l-għaqda fl-Ispirtu s-Santu jkunu magħkom ilkoll.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

# Galatin

## Galatin 1

### Tislima

1Pawlu, appostlu, mhux mill-bnedmin jew permezz tal-bniedem, iżda permezz
ta' Ġesù Kristu u ta' Alla l-Missier li qajmu mill-imwiet,

2u l-aħwa kollha li hawn miegħi, lill-knejjes tal-Galazja,

3grazzja u sliem lilkom mingħand Alla Missierna u mingħand Sidna Ġesù Kristu,

4li ta lilu nnifsu għal dnubietna, biex jeħlisna minn din id-dinja ħażina tal-lum,
skont ir-rieda ta' Alla u Missierna;

5lilu l-glorja għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

### Ma hemmx Evanġelju ieħor

6Jiena nistagħġeb bikom kif daqshekk malajr tbegħedtu minn min sejħilkom fil-
grazzja ta' Kristu u dortu lejn Evanġelju ieħor;

7mhux għax hemm xi Evanġelju ieħor, imma hemm xi wħud li qegħdin
iħawdukom u jridu jaqilbu l-Evanġelju ta' Kristu.

8Imma mqar jekk aħna stess jew anġlu mis-sema jħabbrilkom Evanġelju ieħor
li mhuwiex dak li ħabbarnielkom aħna, ikun misħut!

9Bħalma ġa għednielkom, u ntenni ngħidilkom issa; jekk xi ħadd iħabbrilkom
ħaġa oħra għajr dak li ġa rċevejtu, ikun misħut!

10Forsi jien qed infittex li jkunu jġibuni l-bnedmin, jew qed infittex li jkun iġibni
Alla? Qiegħed jiena nfittex li nogħġob lill-bnedmin? Li kont għadni nfittex li
nogħġob lill-bnedmin, ma kontx inkun qaddej ta' Kristu.

### L-Evanġelju ta' Pawlu

11Dan ngħarrafkom, l-aħwa: l-Evanġelju li ħabbartilkom jien mhuwiex
Evanġelju tal-bnedmin.

12Għaliex jiena mhux mingħand bniedem irċevejtu jew tgħallimtu, imma kien
irrivelat lili minn Ġesù Kristu.

13Intom smajtu bl-imġiba tiegħi meta kont għadni fir-reliġjon Lhudija, kif kont
nippersegwita bis-sħiħ il-Knisja ta' Alla u nfittex li nħarbatha;

14u kemm kont 'il quddiem fir-reliġjon Lhudija fost il-poplu tiegħi aktar minn
sħabi kollha ta' mpari, imġennen kif kont għat-tradizzjonijiet ta' missirijieti.

15Imma meta Dak li għażilni sa minn ġuf ommi, u li sejjaħli permezz tal-grazzja
tiegħu,

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

16għoġbu jirrivelali lil Ibnu biex inħabbru fost il-ġnus, minnufih, bla ma qgħadt
infittex li nieħu parir mingħand bnedmin tad-demm u l-laħam,

17bla ma tlajt Ġerusalemm għand dawk li kienu appostli qabli, jiena mort fl-
Għarabja, u mbagħad erġajt lura lejn Damasku.

18Imbagħad, tliet snin wara, tlajt Ġerusalemm inżur lil Kefa, u bqajt miegħu
ħmistax-il ġurnata;

19mill-appostli l-oħra ma rajt lil ħadd; iżda rajt lil Ġakbu, ħu l-Mulej.

20(F'dan li qiegħed niktbilkom, nixhed quddiem Alla, m'iniex nigdeb).

21Imbagħad mort fl-inħawi tas-Sirja u taċ-Ċiliċja.

22Il-knejjes ta' Kristu fil-Lhudija kienu għadhom qatt ma raw wiċċi;

23kienu semgħu biss in-nies jgħidu li: "dak li darba kien jippersegwitana, issa
qiegħed ixandar il-fidi li darba hu ried jeqred";

24u huma faħħru lil Alla minħabba fija.

## Galatin 2

### L-appostli jilqgħu lil Pawlu

1Wara erbatax-il sena rġajt tlajt Ġerusalemm flimkien ma' Barnaba u ħadt
miegħi lil Titu wkoll.

2Tlajt hemmhekk wara li kelli rivelazzjoni; u jiena qegħedt quddiemhom, lill-
mexxejja ewlenin weħidhom, u wrejthom l-Evanġelju li qiegħed inxandar fost
il-ġnus, biex ma nkunx ġrejt jew qiegħed niġri għalxejn.

3Madankollu anqas Titu li kien miegħi, hu li hu Grieg, ma kien imġiegħel li jkun
ċirkonċiż.

4Iżda minħabba f'xi wħud li riedu jiżżattu, aħwa foloz li ndaħlu bla jedd biex
jissindikaw il-libertà tagħna li għandna fi Kristu Ġesù ħalli jitfgħuna fil-jasar…

5lilhom anqas għal waqt wieħed biss ma rħejnielhom iwaqqgħuna għalihom,
ħalli b'hekk il-verità tal-Evanġelju tibqa' sħiħa għalikom.

6Min-naħa tagħhom, il-mexxejja - kienu x'kienu, lili xejn ma jimpurtani; Alla lejn
wiċċ ħadd ma jħares - dawk li kellhom isem, ma żiduli xejn ġdid lili;

7anzi, għall-kuntrarju, meta raw li lili kien fdat ix-xandir tal-Evanġelju fost il-
Ġentili bħalma kien lil Pietru fost il-Lhud -

8għax Dak li ħadem b'Pietru u għamlu appostlu għal fost il-Lhud ħadem ukoll
bija għal fost il-Ġentili -

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

9meta għarfu l-grazzja li kienet mogħtija lili, Ġakbu, Kefa u Ġwanni, li kienu
meqjusin bħala l-kolonni, taw lili u 'l Barnaba l-id il-leminija tagħhom b'sinjal
tal-għaqda ta' bejnietna, biex aħna naħdmu fost il-Ġentili u huma fost il-Lhud;

10talbuna biss, li min-naħa tagħna nibqgħu niftakru fil-fqar, ħaġa li fittixt
nagħmilha minn qalbi.

### Pawlu jċanfar lil Pietru

11Meta Kefa ġie Antjokja, jiena waqaftlu f'wiċċu, għaliex kellu tort.

12Għax qabel ma waslu xi wħud mingħand Ġakbu, hu kien qiegħed jiekol mal-
Ġentili; iżda mbagħad lil dawn beda jaħrabhom u jitwarrab minnhom meta
waslu dawk, għaliex baża' mil-Lhud ċirkonċiżi.

13Il-Lhud l-oħra bdew jimxu bl-uċuħ bħalu, u saħansitra Barnaba ħalla ruħu
jitħajjar minnhom fil-wiri ta' ħaġa b'oħra.

14Imma meta rajt li ma kinux miexja sewwa skont il-verità tal-Evanġelju, jiena
għedt lil Kefa quddiem kulħadd: "Jekk inti, li int Lhudi, qed iġġib ruħek bħall-
Ġentili u mhux ta' Lhudi li int, kif qiegħed iġġiegħel il-Ġentili jġibu ruħhom ta'
Lhud?"

### Lhud u Ġentili jsalvaw bil-fidi

15Aħna, Lhud minn twelidna u mhux midinbin mill-Ġentili,

16aħna li nafu li l-bniedem ma jkunx iġġustifikat bl-opri tal-Liġi imma bil-fidi
f'Ġesù Kristu, aħna wkoll emminna f'Ġesù Kristu, sabiex inkunu ġġustifikati bil-
fidi fi Kristu u mhux bl-opri tal-Liġi, għaliex bl-opri tal-Liġi ebda bniedem ma
jkun iġġustifikat.

17Jekk aħna, li nfittxu l-ġustifikazzjoni permezz ta' Kristu, aħna stess midinbin
ukoll, allura Kristu qaddej tad-dnub? Ma jkun qatt!

18Għax jekk jiena nerġa' nibni dak li nkun ħattejt, inkun qed nagħti prova li jiena
ħati.

19Imma jien permezz tal-Liġi mitt għal-Liġi biex ngħix għal Alla; issallabt ma'
Kristu.

20Ngħix, imma mhux iżjed jien, iżda jgħix fija Kristu. Il-ħajja li issa ngħix fil-
ġisem qiegħed ngħixha bil-fidi fl-Iben ta' Alla, li ħabbni u ta lilu nnifsu għalija.

21M'iniex inġib fix-xejn il-grazzja ta' Alla; għax kieku l-ġustifikazzjoni kellha tiġi
mil-Liġi, Kristu kien ikun miet għal xejn.

## Galatin 3

### Jew il-Liġi jew il-fidi

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

1Ja Galatin bla moħħ, min saħħarkom bi kliemu? Intom li Ġesù Kristu tpinġa
msallab quddiem għajnejkom!

2Dan biss irrid naf minn għandkom: l-Ispirtu rċevejtuh mill-opri tal-Liġi jew
mis-smigħ tal-fidi?

3Daqshekk intom boloh? Bdejtu bl-ispirtu u issa sa tkomplu bil-ġisem?

4Batejtu dan kollu għal xejn, jekk tassew għal xejn?

5Meta Alla jagħtikom l-Ispirtu u juri s-setgħa tiegħu permezz tagħkom, dan isir
bis-saħħa tal-opri tal-Liġi jew bis-smigħ tal-fidi?

6Hekk, Abraham "emmen lil Alla, u dan kien magħdud lilu għall-ġustifikazzjoni."

7Kunu afu mela, li dawk li jemmnu, dawk huma wlied Abraham.

8U l-Iskrittura, li rat sa minn qabel li Alla kellu jiġġustifika l-Ġentili permezz tal-
fidi, ħabbret minn qabel lil Abraham: 'Fik jitbierku l-ġnus kollha'.

9Għalhekk dawk li jemmnu jitbierku ma' Abraham li kien jemmen.

10Imma dawk kollha li jgħixu bl-opri tal-Liġi huma taħt is-saħta. Għax hemm
miktub: 'Misħut kull min ma joqgħodx għall-ħwejjeġ kollha li hemm imniżżla
fil-ktieb tal-Liġi u ma jagħmilhomx'.

11U li ħadd permezz tal-Liġi ma hu ġġustifikat quddiem Alla jidher ċar, ladarba
'il-ġust jgħix bil-fidi';

12issa l-Liġi mhijiex ġejja mill-fidi, imma 'min jagħmel dawn il-ħwejjeġ jgħix
bihom'.

13Kristu fdiena mis-saħta tal-Liġi billi sar hu nnifsu saħta għalina, għax hemm
miktub: 'Misħut min ikun imdendel mal-għuda',

14biex fi Kristu Ġesù l-barka ta' Abraham tilħaq il-ġnus kollha, u biex permezz
tal-fidi aħna nilqgħu l-wegħda tal-Ispirtu.

### Il-Liġi u l-wegħda

15Sa nitkellem ta' bniedem, l-aħwa: testment, għad li jkun ta' bniedem, ħadd ma
jista' jwaqqgħu jew iżid miegħu kemm-il darba jkun magħmul kif imiss.

16Issa l-wegħdiet saru lil Abraham 'u lin-nisel' tiegħu. L-Iskrittura ma tgħidx 'u
lin-nislijiet' bħallikieku kienu ħafna, iżda bħallikieku wieħed: 'lin-nisel tiegħek',
li hu Kristu.

17Jien dan ngħid: Liġi, li ġiet erba' mija u tletin sena wara, ma tistax tħassar patt,
magħmul kif imiss minn Alla, b'mod li ġġib fix-xejn il-wegħda.

18Għax jekk il-wirt ġej bis-saħħa tal-Liġi, mela ma jkunx bis-saħħa tal-wegħda;
iżda kien bis-saħħa tal-wegħda li Alla ta l-grazzja lil Abraham.


© 2020 Malta Bible Society.

19Għalfejn il-Liġi, mela? Kienet żjieda li saret minħabba fid-dnub…? sakemm ma
jkunx ġie n-nisel li għalih saret il-wegħda, li kienet imxandra mill-anġli permezz
ta' medjatur.

20Iżda l-medjatur mhuwiex ta' wieħed; imma Alla hu wieħed.

### M'intomx ilsiera, imma wlied

21Mela l-Liġi hi kontra l-wegħdiet ta' Alla? Ma jkun qatt! Għaliex kieku ngħatat
liġi li tista' tagħti l-ħajja, allura tassew li l-ġustifikazzjoni kienet tkun bis-saħħa
tal-Liġi.

22Imma l-Iskrittura xeħtet kollox taħt id-dnub, ħalli l-wegħda, bis-saħħa tal-fidi
f'Ġesù Kristu, tingħata lil dawk li jemmnu.

23Qabel ma ġiet il-fidi, aħna konna miżmumin priġunieri taħt il-ħarsien tal-Liġi,
sa ma tiġi l-fidi li kellha tkun irrivelata.

24Il-Liġi, mela, kienet tmexxina qisna tfal lejn Kristu, biex inkunu ġġustifikati
permezz tal-fidi.

25Issa li l-fidi ġiet, ma neħtiġux aktar min imexxina.

26Għax intom ulied Alla lkoll kemm intom, permezz tal-fidi fi Kristu Ġesù.

27Intom, li intom mgħammda fi Kristu, ilbistu 'l Kristu.

28Issa ma hemmx iżjed Lhudi u anqas Grieg, ma hemmx ilsir u anqas ħieles, ma
hemmx raġel u anqas mara; għax intom ilkoll ħaġa waħda fi Kristu Ġesù.

29Imma jekk intom ta' Kristu, intom ukoll nisel Abraham, werrieta skont il-
wegħda.

## Galatin 4

1Irrid ngħid li, sakemm idum iż-żmien li fih il-werriet ikun għadu tifel, dan ma
jkunx aħjar minn ilsir, għad li hu sid il-ġid kollu;

2iżda jkun taħt il-ħarsien tat-tuturi u tal-amministraturi, sa ma jasal iż-żmien
magħżul mill-missier.

3Hekk ukoll aħna: meta konna tfal, konna lsiera taħt l-elementi tad-dinja.

4Iżda meta waslet il-milja taż-żmien, Alla bagħat lil Ibnu, imwieled minn mara,
imwieled taħt il-Liġi,

5biex jifdi lil dawk li kienu taħt il-Liġi, biex ikollna l-adozzjoni ta' wlied.

6U għax intom ulied, Alla bagħat l-Ispirtu ta' Ibnu f'qalbna jgħajjat: Abba!
Missier!

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[7]U hekk m'intix iżjed ilsir, iżda iben; u jekk iben, werriet ukoll bil-grazzja ta' Alla.

### Pawlu jiftaħ qalbu

[8]Imma fl-imgħoddi lil Alla ma kontux tafuh u kontu taqdu lill-ħlejjaq li m'humiex allat.

[9]Issa lil Alla tafuh, jew aħjar, Alla jafkom; mela, kif erġajtu lura lejn l-elementi bla saħħa u bla siwi, u tridu terġgħu taqduhom biex tħarsu

[10]l-jiem, ix-xhur, l-istaġuni u s-snin?

[11]Qiegħed nibża' li t-taħbit li tħabatt għalikom kien kollu ta' xejn.

[12]Kunu bħali, nitlobkom, bħalma jien bħalkom, l-aħwa. Hadd minnkom ma naqasni f'xejn.

[13]Intom tafu li meta xandartilkom l-Evanġelju għall-ewwel darba, kien minħabba li kont marid.

[14]Għalkemm din il-marda f'ġismi kienet ta' prova għalikom, intom ma stmerrejtunix u anqas skartajtuni, iżda lqajtuni bħala anġlu ta' Alla, bħala Kristu Ġesù.

[15]Fejn hu issa l-ferħ tagħkom? Jien xhud għalikom, li kieku kien jista' jkun kontu taqilgħu għajnejkom u tagħtuhomli.

[16]Sirt issa, mela, għadu tagħkom għax qiegħed ngħidilkom il-verità?

[17]Huma jfittxukom, iżda mhux b'fehma tajba; iridu jifirdukom minni biex intom tfittxu lilhom.

[18]Tajjeb li wieħed jitqanqal għall-ġid tal-oħrajn dejjem, u mhux biss meta nkun magħkom jien.

[19]Uliedi, għal darba oħra qiegħed inħoss l-uġigħ tal-ħlas sakemm Kristu jissawwar fikom.

[20]Bħalissa jien ridt kieku nkun għandkom u nbiddel leħni, għax inħossni inkwetat minħabba fikom.

### Sarah u Ħagar

[21]Għiduli, intom li tridu toqogħdu taħt il-Liġi! Ma tisimgħux xi tgħid il-Liġi?

[22]Hemm miktub li Abraham kellu żewġ ulied, wieħed mill-ilsira, u wieħed mill-ħielsa;

[23]imma dak li ġie mill-ilsira twieled bis-saħħa tal-ġisem, waqt li dak li ġie mill-ħielsa twieled bis-saħħa tal-wegħda.


© 2020 Malta Bible Society.

24Dan kollu ntqal b'tixbiha, għax dawn in-nisa jfissru żewġ pattijiet: wieħed ġej mill-muntanja Sinaj, li tiled għall-jasar: din hija Hagar -

25għax Hagar hija l-muntanja Sinaj li hi fl-Għarabja - u taqbel ma' Ġerusalemm tal-lum li għadha mjassra flimkien ma' wliedha.

26Iżda Ġerusalemm ta' fuq, li hi ommna, hi ħielsa,

27għax hemm miktub: "Ifraħ, mara bla wlied li ma tiledx, erfa' leħnek u għajjat bil-ferħ, int li ma tbatix b'uġigħ il-ħlas; għax ulied il-mara abbandunata huma aktar kotrana minn dawk ta' dik li għandha 'l żewġha".

28Issa intom, l-aħwa, intom ulied il-wegħda, bħal Iżakk.

29Iżda bħalma f'dak iż-żmien, dak li twieled bis-saħħa tal-ġisem ippersegwita lil dak li twieled bis-saħħa tal-Ispirtu, hekk ukoll issa.

30Iżda xi tgħid l-Iskrittura? "Keċċi 'l barra 'l-ilsira u 'l binha, għax bin l-ilsira ma jaqsamx fil-wirt ma' bin il-ħielsa".

31Għalhekk, l-aħwa, aħna m'aħniex ulied l-ilsira, imma wlied il-ħielsa.

## Galatin 5

1Kristu ħelisna biex ngħixu ta' nies ħielsa. Żommu sħiħ, u terġgħux tmiddu għonqkom għall-madmad tal-jasar.

### Il-libertà tan-nisrani

2Araw, jiena, Pawlu, qiegħed ngħidilkom: jekk toqogħdu għaċ-ċirkonċiżjoni, xejn ma jkun jiswielkom Kristu.

3Jiena nistqarr għal darb'oħra quddiem kull min qagħad għaċ-ċirkonċiżjoni, li hu marbut għall-ħarsien tal-Liġi kollha.

4Intom li tfittxu l-ġustifikazzjoni fil-Liġi intom maqtugħa minn Kristu; intom twarrabtu mill-grazzja.

5Imma aħna t-tama tal-ġustifikazzjoni nistennewha bl-Ispirtu permezz tal-fidi.

6Għaliex fi Kristu Ġesù, biċ-ċirkonċiżjoni jew mingħajrha, xejn ma jkun jiswa ħlief biss il-fidi li taħdem permezz tal-imħabba.

7Kontu tiġru sewwa. Min fixkilkom li ma toqogħdux għas-sewwa?

8Din il-persważjoni mhijiex ġejja minn dak li sejħilkom.

9Daqsxejn ta' ħmira ttalla' l-għaġna kollha.

10Jien żgur minnkom fil-Mulej li ma taħsbux mod ieħor; min qiegħed iġarrabkom, hu min hu, għad irid jieħu l-ħaqq tiegħu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

11Ngħid għalija, l-aħwa, jekk jien għadni nippriedka ċ-ċirkonċiżjoni, għaliex jien ippersegwitat? Mela tħassar l-iskandlu tas-salib?

12Halli jqattgħu ġisimhom dawk li jħawdukom.

13Intom imma, l-aħwa, intom ġejtu msejħa għall-ħelsien; imma tinqdewx b'dan il-ħelsien għall-ġisem, iżda aqdu lil xulxin fl-imħabba.

14Il-Liġi kollha tinġabar f'liġi waħda: 'Hobb lil għajrek bħalek innifsek'.

15Jekk intom tgiddmu u tieklu lil xulxin, oqogħdu attenti li ma tikkunsmawx lil xulxin!

### Il-frott tal-Ispirtu u l-frott tal-ġisem

16Jien ngħidilkom, imxu fl-Ispirtu u taqgħux għall-passjonijiet tal-ġisem.

17Il-passjonijiet tal-ġisem huma kontra l-Ispirtu, u l-Ispirtu hu kontra l-ġisem; dawn it-tnejn huma kontra xulxin, biex ma jħallukomx tagħmlu dak li tixtiequ.

18Jekk lilkom imexxikom l-Ispirtu, m'intomx taħt il-liġi.

19L-għemejjel tal-ġisem huma magħrufa: żina, faħx, nuqqas ta' rażan,

20idolatrija, seħer, mibegħda, ġlied, għira, korla, ambizzjoni, firda, partiti,

21invidja, sokor, tbahrid, u ħwejjeġ bħal dawn. Inwissikom, bħalma wissejtkom qabel, min jagħmel dawn il-ħwejjeġ ma jiritx is-saltna ta' Alla.

22Il-frott tal-Ispirtu huma: l-imħabba, l-hena, is-sliem, is-sabar, il-ħniena, it-tjieba, il-fidi,

23il-ħlewwa, ir-rażan. Kontra dawn ma hemmx liġi.

24Dawk li huma ta' Kristu Ġesù sallbu l-ġisem bil-ġibdiet u l-passjonijiet tiegħu.

25Jekk ngħixu bl-Ispirtu, ħalli nimxu bl-Ispirtu;

26ma nkunux minn dawk li jfittxu l-ftaħir fieragħ; ma nġarrbux lil xulxin; ma ngħirux għal xulxin.

## Galatin 6

### Nerfgħu t-tagħbija ta' xulxin

1L-aħwa, jekk xi ħadd jinqabad f'xi ħtija, intom li intom spiritwali, widdbuh bi spirtu ta' ħlewwa; oqgħod attent li ma tkunx imġarrab int ukoll.

2Erfgħu t-tagħbija ta' xulxin, u hekk tkunu qegħdin tħarsu l-liġi ta' Kristu.

3Jekk xi ħadd jaħseb li hu xi ħaġa meta ma hu xejn, ikun iqarraq bih innifsu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

4Kull wieħed jgħarbel għemilu, imbagħad ikun jista' jiftaħar bih innifsu, u mhux b'ħaddieħor.

5Kull wieħed għandu t-tagħbija tiegħu x'jerfa'.

6Dak li qiegħed jitgħallem id-duttrina għandu jaqsam ġidu ma' min jgħallmu.

7Titqarrqux; Alla ma jidħak bih ħadd. Dak li bniedem jiżra', dak huwa jaħsad.

8Min jiżra' f'ġismu jaħsad mill-ġisem it-taħsir; min jiżra' fl-ispirtu, jaħsad mill-ispirtu l-ħajja ta' dejjem.

9Ma negħjew qatt nagħmlu l-ġid; għax jekk ma naqtgħux qalbna, naħsdu fi żmienu.

10Mela, dment li għandna ż-żmien ħa nagħmlu l-ġid ma' kulħadd, l-iktar ma' qrabatna fil-fidi.

### L-aħħar tislija u l-firma ta' Pawlu

11Araw b'liema ittri kbar ktibtilkom b'idi stess.

12Dawk li jridu jingħoġbu fil-ġisem, dawk huma li jridukom tieħdu ċ-ċirkonċiżjoni, u dan jagħmluh biss biex ma jkunux ippersegwitati minħabba s-salib ta' Kristu.

13Lanqas huma, li għandhom iċ-ċirkonċiżjoni, ma jħarsu l-Liġi, iżda jridukom tieħdu ċ-ċirkonċiżjoni biex jiftaħru b'ġisimkom.

14Ngħid għalija, ma jkun qatt li niftaħar jekk mhux bis-salib ta' Sidna Ġesù Kristu, li bih id-dinja hi msallba għalija u jien għad-dinja.

15Għaliex, biċ-ċirkonċiżjoni jew mingħajrha, xejn ma hemm ta' siwi, ħlief il-ħolqien ġdid.

16U dawk kollha li jimxu fuq din ir-regola, is-sliem u l-ħniena fuqhom, u wkoll fuq Iżrael ta' Alla.

17Millum 'il quddiem ħadd ma għandu jħabbatni iżjed; jien inġib f'ġismi l-marki ta' Kristu.

18Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu tkun magħkom, l-aħwa. Ammen.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

# Efesin 1

### Tislima

1Pawlu, appostlu ta’ Kristu Ġesù skont ir-rieda ta’ Alla, lill-qaddisin u lil dawk li
jemmnu fi Kristu Ġesù:

2grazzja lilkom u sliem mingħand Alla Missierna u mingħand Ġesù Kristu, il-
Mulej.

### Il-grazzja spiritwali ta’ Kristu

3Imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, li berikna b’kull xorta ta’ barka
spiritwali, fis-smewwiet fi Kristu.

4Hekk hu għażilna fih, sa minn qabel il-ħolqien tad-dinja, biex inkunu qaddisa
u bla tebgħa quddiemu fl-imħabba

5Iddestinana minn qabel li nkunu għalih ulied adottivi permezz ta’ Ġesù Kristu;
hekk għoġob lir-rieda tajba tiegħu,

6għat-tifħir tal-glorja tal-grazzja tiegħu, li biha mliena fil-Maħbub tiegħu.

7Fih aħna għandna l-fidwa bid-demm tiegħu, il-maħfra tad-dnubiet, skont l-
għana tal-grazzja tiegħu.

8Biha fawwarna fl-għerf u l-għaqal kollu.

9Hu għarrafna l-misteru tar-rieda tiegħu; il-pjan li għoġbu jfassal fih minn
qabel,

10u li kellu jseħħ meta tasal il-milja taż-żminijiet; jiġifieri, li kollox jinġabar taħt
Ras waħda, li hu Kristu, kulma hu fis-sema u kulma hu fl-art.

11Fih aħna wkoll konna magħżula, iddestinati minn qabel, skont il-pjan imfassal
minn qabel minn min imexxi kollox skont il-fehma tar-rieda tiegħu,

12sabiex inkunu għat-tifħir tal-glorja tiegħu, aħna, li, sa minn qabel, konna
nittamaw fi Kristu.

13U fih intom ukoll smajtu l-Kelma tal-Verità, l-Evanġelju tas-salvazzjoni
tagħkom, u emmintu fiha. Kontu ssiġillati bl-Ispirtu s-Santu li kien imwiegħed;

14li hu r-rahan tal-wirt tagħna sakemm għadna nistennew il-fidwa sħiħa tal-
Poplu li Alla kiseb għalih, għat-tifħir tal-glorja tiegħu.

### It-talba ta’ Pawlu

15Għalhekk jien ukoll, li smajt bil-fidi tagħkom fil-Mulej Ġesù u bl-imħabba
tagħkom lejn il-qaddisin kollha,

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

16ma nixba’ qatt nIżżi ħajr minħabba fikom meta niftakar fikom fit-talb tiegħi.

17Halli Alla ta’ Sidna Ġesù Kristu, il-Missier tal-glorja, jagħtikom spirtu ta’ għerf
li jirrivelahielkom biex tagħrfuha sewwa;

18u jdawlilkom l-għajnejn ta’ qalbkom biex tagħrfu x’inhi t-tama tas-sejħa
tagħkom; x’inhu l-għana tal-glorja tal-wirt li takom taqsmu mal-qaddisin.

19Tagħrfu x’inhu l-kobor bla qjies tas-setgħa tiegħu fina li emminna, skont il-
ħila tal-qawwa kbira tiegħu,

20li ħaddem fi Kristu, meta qajmu mill-imwiet u qiegħdu fil-lemin tiegħu fis-
smewwiet,

21’il fuq minn kull Saltna u Setgħa, minn kull Qawwa u Ħakma, ’il fuq minn kull
isem li jissemma, mhux biss għaż-żmien ta’ issa, imma wkoll għal li ġej.

22Iva, qiegħed kollox taħt riġlejh, u għamlu Ras fuq il-Knisja kollha,

23li hi Ġismu, il-milja ta’ dak li jimla kollox f’kollox.

## Efesin 2

### Mill-mewt għall-ħajja

1Intom li kontu mejtin bi dnubietkom u ħtijietkom,

2li fihom darba mxejtu skont ix-xejra ta’ din id-dinja, skont il-kap tas-saltna tal-
ajru, tal-ispirtu li bħalissa qiegħed jaħdem fost dawk li ma jisimgħux...

3Aħna wkoll għexna darba mgħarrqa fil-passjonijiet ta’ ġisimna; konna
nagħmlu l-opri tar-rieda tal-ġisem u fehmietna; konna minna nfusna wlied il-
korla, bħall-bqija tal-bnedmin.

4Imma Alla, għani fil-ħniena tiegħu, bis-saħħa tal-imħabba kbira li biha ħabbna,

5meta aħna konna mejta minħabba fi dnubietna, tana ħajja ġdida flimkien ma’
Kristu - bi grazzja intom salvi.

6Qajjimna miegħu u qegħedna fis-smewwiet ma’ Kristu Ġesù,

7biex juri fiż-żminijiet li ġejjin l-għana bla qjies tal-grazzja tiegħu bit-tjieba li
wera magħna fi Kristu Ġesù.

8Intom salvi bil-grazzja, permezz tal-fidi; u dan mhux bis-saħħa tagħkom, imma
b’don ta’ Alla;

9mhux bl-opri, biex ħadd ma jiftaħar.

10Aħna ħolqien tiegħu, maħluqa fi Kristu Ġesù biex nagħmlu l-opri tajba li Alla
ħejjielna minn qabel li għandna nagħmlu.

### Lhud u pagani ħaġa waħda fi Kristu


© 2020 Malta Bible Society.

11Ftakru, mela, li intom bis-sinjal tal-pagani f'ġisimkom u li kontu msejħin "bla
ċirkonċiżjoni" minn dawk li kellhom iċ-ċirkonċiżjoni magħmula bl-idejn fil-
ġisem,

12ftakru li f'dak iż-żmien kontu mingħajr Kristu; kontu barra miċ-ċittadinanza
ta' Iżrael, barranin għall-Patt tal-wegħda; kontu bla tama u bla Alla fid-dinja!

13Imma issa, fi Kristu Ġesù, intom, li darba kontu 'l bogħod, issa tqarribtu bis-
saħħa tad-demm ta' Kristu.

14Kristu hu s-sliem tagħna, hu, li minna t-tnejn għamel poplu wieħed, billi ġarraf
il-ħajt li kien jifridna - il-mibegħda ta' bejnietna - u ħassar bis-sagrifiċċju ta'
ġismu

15l-Liġi bil-kmandamenti u l-preċetti tagħha. Mit-tnejn, ried b'hekk joħloq bih
innifsu bniedem wieħed, il-bniedem il-ġdid, billi jagħmilhom paċi t-tnejn
bejniethom

16u jħabbibhom it-tnejn ma' Alla f'ġisem wieħed permezz tas-salib li bih qered
il-mibegħda ta' bejniethom.

17Imbagħad ġie jħabbar is-sliem, sliem lilkom li kontu fil-bogħod, u sliem lil
dawk li kienu fil-qrib.

18Permezz tiegħu, it-tnejn li aħna għandna bi Spirtu wieħed id-dħul għal għand
il-Missier.

19Għalhekk ma għadkomx aktar barranin u frustieri, imma intom ċittadini
flimkien mal-qaddisin u nies tad-dar ta' Alla,

20mibnija lkoll fuq is-sisien tal-appostli u tal-profeti, fejn Kristu hu l-ġebla tax-
xewka.

21Fih il-bini kollu jintrabat sewwa, jitla' f'tempju qaddis fil-Mulej;

22fih, intom ukoll fl-Ispirtu, tinbnew flimkien f'dar fejn jgħammar Alla.

## Efesin 3

### Il-missjoni ta' Pawlu fost il-pagani

1Għalhekk jiena, Pawlu, jien, il-priġunier ta' Kristu Ġesù minħabba fikom il-
pagani...

2jekk, kif tassew ġara, intom smajtu bil-pjan tal-grazzja li Alla tani għall-ġid
tagħkom,

3jiġifieri, li permezz ta' rivelazzjoni għarrafni l-misteru, bħalma ġa ktibtilkom
fil-qosor.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

4Minn dak li qrajtu tistgħu tifhmu sewwa kemm jiena dħalt fil-qalb tal-misteru ta' Kristu.

5Dan hu l-misteru li fil-ġenerazzjonijiet l-imgħoddija ma kienx mgħarraf lill-bnedmin bħalma issa ġie rrivelat lill-appostli qaddisa tiegħu u lill-profeti fl-Ispirtu,

6jiġifieri, li l-pagani huma msejħa biex ikollhom sehem mill-istess wirt, ikunu membri tal-istess ġisem, ikollhom sehem mill-istess wegħda, fi Kristu Ġesù permezz tal-Evanġelju.

7Ta' dan l-Evanġelju jiena sirt ministru skont id-don tal-grazzja li Alla tani, skont is-setgħa tal-qawwa tiegħu.

8Lili, l-iżgħar fost il-qaddisin kollha, ngħatatli din il-grazzja li nxandar fost il-pagani l-Evanġelju tal-għana ta' Kristu, għana li ebda moħħ ma jista' jifhmu,

9u li noħroġ għad-dawl quddiem kulħadd kif Alla temm il-pjan tal-misteru, li kien moħbi sa minn dejjem f'Alla li ħalaq kollox.

10B'hekk l-għerf ta' Alla, għerf ta' kull xorta ta' mezzi, ikun issa mgħarraf permezz tal-Knisja lill-Prinċpijiet u lis-Setgħat tas-sema,

11skont il-pjan li hu kien fassal sa minn dejjem fi Kristu Ġesù Sidna.

12Bih aħna għandna l-ħila nersqu permezz tal-fidi tagħna fih.

13Għalhekk nitlobkom: tħallux it-tbatijiet li jien għaddej minnhom minħabba fikom jaqtgħulkom qalbkom; dawn huma l-glorja tagħkom!

### L-imħabba ta' Kristu għalina

14Jiena ninżel għarkupptejja quddiem il-Missier

15li minnu tieħu isimha kull familja fis-sema u fl-art,

16biex skont l-għana tal-glorja tiegħu, jagħtikom li bil-qawwa tiegħu permezz tal-Ispirtu tiegħu, tissaħħu fil-bniedem ta' ġewwa,

17u li Kristu jgħammar f'qalbkom permezz tal-fidi, biex tniżżlu l-għeruq tagħkom fl-imħabba u fuqha tibnu ħajjitkom.

18B'hekk tkunu tistgħu tifhmu, flimkien mal-qaddisin kollha, x'inhu l-wisa' u t-tul, l-għoli u l-fond' tal-imħabba ta' Kristu;

19tagħrfu kemm din l-imħabba ta' Kristu tisboq kull għerf, biex timtlew bil-milja kollha ta' Alla.

20Lil dak Alla li, bis-setgħa tiegħu li taħdem fina, għandu l-qawwa li jagħmel kollox bil-wisq iżjed milli aħna nistgħu nitolbu jew naħsbu,

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

21lilu l-glorja fil-Knisja u permezz ta' Kristu Ġesù, għal kemm itulu ż-żminijiet,
għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

# Efesin 4

### Ir-rabta ta' dan il-ġisem

1Inħeġġiġkom jien, il-priġunier tal-Mulej, biex timxu sewwa skont is-sejħa li
biha kontu msejħin;

2billi bl-umiltà kollha, bil-ħlewwa u bis-sabar, taħmlu u tħobbu 'l xulxin.

3Ħabirku biex iżżommu spirtu wieħed bir-rabta tas-sliem;

4ġisem wieħed u ruħ waħda, l-istess kif kontu msejħa għal tama waħda;

5Mulej wieħed, fidi waħda, magħmudija waħda;

6Alla wieħed u Missier ta' kulħadd, li hu fuq kulħadd, b'kulħadd u f'kulħadd.

7Lil kull wieħed minna Alla tana l-grazzja skont il-qjies tad-don ta' Kristu.

8Hu għalhekk li tgħid l-Iskrittura: "Tala' fil-għoli, jassar l-ilsiera, ta doni lill-
bnedmin."

9"Tela',": xi jfisser dan għajr li hu niżel ukoll fl-inħawi l-aktar t'isfel tal-art?

10Dak li niżel huwa dak li tela' fuq is-smewwiet kollha, biex jimla kollox.

11U huwa dak li ta lil xi wħud li jkunu appostli, lil xi wħud profeti, lil xi wħud
evanġelisti, lil xi wħud rgħajja u mgħallmin:

12Hekk jitrawmu l-qaddisin għax-xogħol tal-ħidma tagħhom għall-bini tal-
Ġisem ta' Kristu,

13sakemm aħna lkoll naslu biex insiru ħaġa waħda fil-fidi u fl-għarfien tal-Iben
ta' Alla; insiru raġel magħmul, fl-aħjar ta' żmienu. U hekk isseħħ il-milja ta'
Kristu,

14u ma nkunux aktar trabi mitfugħin 'l hawn u 'l hemm, u mkaxkra minn kull
riħ ta' tagħlim bil-qerq tal-bnedmin u bl-ingann tagħhom biex iwasslu lil
ħaddieħor fl-iżball.

15Imma waqt li nagħmlu s-sewwa fl-imħabba nikbru f'kollox fih, f'dak li hu r-
Ras, Kristu.

16Fih il-ġisem kollu jsib ir-rabta u l-għaqda tiegħu permezz tal-għekiesi kollha
li jservuh skont il-ħidma ta' kull waħda minnhom, biex jikber fih innifsu u
jinbena fl-imħabba.

### Il-ħajja l-ġdida u l-qadima

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

17Jiena dan ngħidilkom u nwissikom quddiem il-Mulej: li ma ġġibux iżjed
ruħkom skont ma jġibu ruħhom il-pagani bil-bluha ta' moħħhom.

18Il-fehma tagħhom hi mdallma, maqtugħa mill-ħajja ta' Alla minħabba l-
injoranza li għandhom u l-ebusija ta' qalbhom.

19Huma tilfu kull sentiment u ntelqu għal ħajja bla rażan, għal kull xorta ta' żina
bla xaba'.

20Imma intom mhux hekk tgħallimtu 'l Kristu -

21jekk intom smajtuh u tgħallimtuh skont il-verità li hi f'Ġesù -

22jiġifieri, li għandkom twarrbu l-ħajja tagħkom ta' qabel u tinżgħu l-bniedem
il-qadim, imħassar bix-xewqat tal-pjaċiri qarrieqa,

23u li għandkom tiġġeddu b'tibdila spiritwali tal-fehma tagħkom

24u tilbsu l-bniedem il-ġdid, maħluq skont Alla, fil-ġustizzja u l-qdusija tassew.

### Ir-regola għall-ħajja ġdida

25Warrbu minnkom il-gideb u għidu l-verità wieħed lill-ieħor, għax aħna
membri ta' xulxin.

26Tinkurlaw? Imma tidinbux; tħallux ix-xemx tgħib fuq il-korla tagħkom,

27u tagħtux il-wisa' lix-Xitan.

28Iqis il-ħalliel li ma jisraqx aktar; imma jaħdem bl-onestà b'idejh biex ikun
jista' jgħin lil min ikun fil-bżonn.

29Ebda kelma mhux xierqa m'għandha toħroġ minn fommkom, imma kliem
sewwa li jedifika skont il-ħtieġa, kliem li jagħmel il-ġid lil min jisimgħu.

30U tnikktux l-Ispirtu s-Santu ta' Alla, li fih intom issiġillati għal jum il-fidwa.

31Imrar, saħna, korla, tagħjir, għajjat, dan kollu warrbuh minnkom, u wkoll kull
ħażen ieħor.

32Kunu twajba ma' xulxin, ħennu għal xulxin, aħfru lil xulxin, bħalma Alla ħafer
lilkom fi Kristu.

## Efesin 5

1Kunu, mela, tixbhu lil Alla, bħala wlied maħbuba,

2u imxu fl-imħabba, bħalma Kristu wkoll ħabb lilna u ta lilu nnifsu għalina,
offerta u sagrifiċċju jfuħu quddiem Alla.

3Żina u kull xorta ta' faħx jew regħba, ebda waħda minnhom ma għandha biss
tissemma fostkom, kif jixraq lill-qaddisin.


© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

4U anqas kliem baxx u kliem iblah, jew ċajt mhux sewwa, kollha ħwejjeġ li ma
jixirqux; imma aktar għandu jkun hemm fostkom radd il-ħajr.

5Għax dan kunu afu: li ebda żieni jew faħxi jew rgħib - li hu idolatra - ma jkollu
wirt fis-Saltna ta' Kristu u ta' Alla.

### Imxu ta' wlied id-dawl

6Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f'hekk tinżel
il-korla ta' Alla fuq dawk li ma jisimgħux.

7Mela tissieħbu qatt magħhom!

8Intom kontu darba dlam, imma issa intom dawl fil-Mulej; għixu ta' wlied id-
dawl li intom;

9frott id-dawl jinsab f'kulma hu tjieba, f'kulma hu ġustizzja, f'kulma hu verità.

10Fittxu li tagħrfu dak li jogħġob lill-Mulej,

11u tisseħbux fl-għemejjel tad-dlam bla frott, imma ikxfuhom fil-beraħ.

12Għax dak li qegħdin jagħmlu huma fil-moħbi, tistħi mqar jekk issemmih;

13imma meta wieħed joħroġhom fil-beraħ, id-dawl juri kollox,

14għax kulma jidher hu dawl; għalhekk jingħad: "Stenbaħ int, li int rieqed, u
qum mill-imwiet, ħa jiddi fuqek Kristu."

15Qisu sewwa kif iġġibu ruħkom, mhux bħal nies bla dehen, iżda bħal nies
għorrief,

16li jgħożżu ż-żmien, għaliex ħżiena huma l-jiem.

17Għalhekk tkunux bla għaqal, imma fittxu x'inhi r-rieda tal-Mulej.

18U tiskrux bl-inbid, li fih hemm ħajja bla rażan, iżda mtlew bl-Ispirtu.

19Kantaw flimkien salmi, innijiet u għana spiritwali; kantaw u għannu minn
qalbkom lill-Mulej.

20Roddu dejjem ħajr għal kollox lil Alla u l-Missier, f'isem Sidna Ġesù Kristu.

### Kristu u l-Knisja mudell għall-miżżewġin

21Oqogħdu għal xulxin fil-biża' ta' Kristu.

22Intom in-nisa oqogħdu għal żwieġkom bħallikieku għall-Mulej,

23għax ir-raġel hu ras il-mara, bħalma Kristu hu ras il-Knisja, is-salvatur tal-
Ġisem tiegħu.

24Għalhekk, bħalma l-Knisja toqgħod għal Kristu, hekk ukoll in-nisa għandhom
joqogħdu għal żwieġhom f'kollox.


© 2020 Malta Bible Society.

25Intom, l-irġiel, ħobbu n-nisa tagħkom, kif Kristu ħabb il-Knisja u ta ħajtu għaliha.

26U dan għamlu biex iqaddisha u jnaddafha bil-ħasil tal-ilma u l-kelma

27u biex iressaqha quddiemu, din il-Knisja, sabiħa, bla tebgħa, bla tikmix, bla għajb, u b'xejn minn dan, imma qaddisa u bla tmaqdir minn ħadd.

28Hekk għandhom ukoll l-irġiel iħobbu n-nisa tagħhom bħallikieku ġisimhom stess. Min iħobb 'il martu jkun iħobb lilu nnifsu.

29Qatt ħadd ma bagħad 'il ġismu stess, iżda jmantnih u jieħu ħsiebu, bħalma jagħmel Kristu mal-Knisja,

30għax aħna lkoll membri tal-Ġisem tiegħu.

31Għalhekk ir-raġel iħalli lil missieru u 'l ommu u jingħaqad ma' martu, u jsiru t-tnejn ġisem wieħed.

32Dan il-misteru - qiegħed ngħid għal Kristu u għall-Knisja - huwa kbir!

33Għalhekk intom ukoll, kull wieħed minnkom, għandu jħobb lil martu bħalu nnifsu, u l-mara għandha ġġib rispett lil żewġha.

## Efesin 6

### L-ulied u l-ġenituri

1Intom it-tfal, isimgħu mill-ġenituri tagħkom fil-Mulej, għax dan hu s-sewwa.

2"Weġġaħ 'il missierek u 'l ommok": dan hu l-ewwel kmandament b'wegħda

3"sabiex ikollok ir-risq u jtul għomrok fuq l-art."

4U intom il-missirijiet, iġġarrbuhomx iżżejjed lil uliedkom; iżda rabbuhom fid-dixxiplina u t-twiddib tal-Mulej.

### L-ilsiera u s-sidien

5Intom l-ilsiera, isimgħu mis-sidien tagħkom ta' din l-art bil-biża' u r-rispett, bis-safa ta' qalbkom bħallikieku lil Kristu;

6mhux taqduhom għal wiċċhom, bħal min irid jogħġob lill-bnedmin, iżda bħala lsiera ta' Kristu, li jagħmlu r-rieda ta' Alla minn qalbhom,

7aqduhom bil-qalb it-tajba, qiskom lill-Mulej u mhux lill-bnedmin.

8Għaliex tafu li kull wieħed, skont it-tajjeb li jkun għamel, jitħallas tiegħu mill-Mulej, sew jekk ilsir u sew jekk ħieles.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[9]U intom, is-sidien, agħmlu l-istess magħhom; ħallukom mit-tehdid, għax tafu li s-Sid fis-smewwiet hu tagħhom bħalma hu tagħkom, u hu ma jħares lejn wiċċ ħadd.

### Il-ġlieda kontra l-ħażen

[10]Mill-bqija, twettqu fil-Mulej u ssaħħu bil-qawwa tiegħu.

[11]Ilbsu l-armatura ta' Alla biex tkunu tifilħu tieqfu għat-tnassis tax-Xitan.

[12]Għax il-ġlieda tagħna mhijiex kontra d-demm u l-laħam, imma kontra s-Setgħat, kontra l-Qawwiet, kontra l-Prinċpijiet ta' din id-dinja ta' dlamijiet, kontra l-ispirti ħżiena li jgħammru fil-wisa' tas-smewwiet.

[13]Għalhekk ħudu fuqkom l-armatura ta' Alla, ħalli tkunu tistgħu tieqfu fi żmien il-ħażen, u, wara li tkunu għamiltu ħilitkom kollha, iżżommu weqfin.

[14]Żommu sħiħ, mela, ħażżmu ġenbejkom bil-verità, ilbsu l-kurazza tal-ġustizzja,

[15]u xiddu riġlejkom bil-ħeġġa tal-Evanġelju tas-sliem;

[16]ħudu f'idejkom it-tarka tal-fidi; li biha tistgħu titfu l-vleġeġ kollha tan-nar tal-Ħażin;

[17]ilbsu l-elmu tas-salvazzjoni u aqbdu x-xabla tal-Ispirtu li hi l-kelma ta' Alla.

[18]Itolbu dejjem fl-Ispirtu, b'kull xorta ta' talb u f'kull ħtieġa, ishru fih bla ma tieqfu, u itolbu għall-ħtiġiet tal-qaddisin kollha.

[19]Itolbu għalija wkoll, biex meta niftaħ fommi tingħatali l-kelma, ħalli b'wiċċi minn quddiem inxandar il-misteru tal-Evanġelju,

[20]li tiegħu jiena l-ambaxxatur fil-ktajjen. Jalla jien u nxandar nkun nista' nitkellem b'wiċċi minn quddiem kif għandi nagħmel.

### L-aħħar tislijiet

[21]Biex intom ukoll tkunu tafu fejn ninsab u x'qiegħed nagħmel, jgħarrafkom b'kollox Tikiku, ħija l-għażiż u l-qaddej fidil fil-Mulej.

[22]Lilu bgħattilkom b'dan il-ħsieb, jiġifieri li tkunu tafu b'aħbarna u jfarrġilkom qlubkom.

[23]Is-sliem lil ħutna u l-imħabba flimkien mal-fidi minn Alla l-Missier u l-Mulej Ġesù Kristu.

[24]Il-grazzja magħkom ilkoll li tħobbu lil Sidna Kristu Ġesù b'imħabba li ma tmut qatt.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

# Filippin

## Filippin 1

### Tislima

1Pawlu u Timotju, qaddejja ta' Kristu Ġesù, lill-qaddisin kollha fi Kristu Ġesù, flimkien mal-isqfijiet tagħhom u d-djakni li jinsabu fil-belt ta' Filippi.

2Il-grazzja lilkom u s-sliem mingħand Alla Missierna u mingħand il-Mulej Ġesù Kristu!

### Pawlu jitlob għalihom

3Niżżi ħajr lil Alla tiegħi kull meta niftakar fikom,

4u nitlob dejjem ferħan fit-talb tiegħi għalikom,

5minħabba s-sehem li intom ħadtu fix-xandir tal-Evanġelju, mill-ewwel jiem sal-lum.

6Jiena żgur minn dan: li dak li beda din l-opra tajba fikom, iwassalha għat-tmiem tagħha sa ma jasal il-jum ta' Kristu Ġesù.

7Haġa sewwa li jiena naħseb hekk fikom ilkoll, għaliex jiena nġibkom f'qalbi, lilkom ilkoll, li qsamtu miegħi l-grazzja li għandi, kemm issa li jien marbut bil-ktajjen, u kemm meta kont niddefendi u nwettaq l-Evanġelju.

8Iva, jixhidli Alla kemm jien miġbud lejkom bil-qalb ta' Kristu Ġesù!

9U jien dan nitlob: li l-imħabba tagħkom tikber u toktor dejjem iżjed bl-għerf u b'kull dehen,

10biex tistgħu tagħrfu tagħżlu l-aħjar, u mbagħad tkunu safja u bla ebda ħtija fil-jum ta' Kristu,

11mimlijin bil-frott tal-ġustizzja li ġejja permezz ta' Ġesù Kristu, għall-glorja u l-foħrija ta' Alla.

12Irridkom tkunu tafu, l-aħwa, li kulma ġara lili safa aktar ta' ġid biex ġieb 'il quddiem l-Evanġelju;

13għaliex b'hekk, kull min jinsab fil-Pretorju u l-oħrajn kollha lkoll saru jafu li jiena marbut fil-ħabs għal Kristu,

14u l-biċċa l-kbira tal-aħwa għamlu l-qalb fil-Mulej minħabba fil-ktajjen tiegħi, u bdew ixandru l-kelma bil-kuraġġ u bla biża' ta' xejn.

15Tassew li dan xi wħud jagħmluh imqanqla mill-għira u l-pika, imma l-oħrajn lil Kristu jxandruh minn qalbhom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

16Dawn tal-aħħar jaħdmu bl-imħabba, għax jafu li jiena magħżul biex niddefendi l-Evanġelju;

17l-oħrajn, imma, lil Kristu jxandruh imqanqlin mill-għira, b'fehma mdennsa, u jistħajlu li b'hekk se jtaqqluli l-ktajjen.

18X'jimporta? Hekk jew hekk, sew jekk b'fehma safja u sew jekk le, basta jixxandar Kristu; u b'dan jien nifraħ, iva, u nibqa' nifraħ.

19Għax naf li dan bit-talb tagħkom u bl-għajnuna tal-Ispirtu ta' Ġesù Kristu, għad jisfali għas-salvazzjoni tiegħi.

20Jien għadni nittama u nistenna bil-ħerqa li ma jkolli xejn mniex nistħi; anzi għandi l-fiduċja li, kif dejjem hekk s'issa, Kristu jkun imsebbaħ fil-ġisem tiegħi, sew jekk ngħix u sew jekk immut.

21Għax għalija l-ħajja hi Kristu, u l-mewt hi rebħ.

22Jekk għandi nibqa' ħaj fil-ġisem, dan ifisser li għandi nagħti l-frott tax-xogħol tiegħi. X'naqbad nagħmel ma nafx;

23ninsab bejn ħaltejn. Min-naħa l-waħda, nixtieq nintemm u nkun ma' Kristu, li jkun ħafna aħjar għalija;

24min-naħa l-oħra, jekk nibqa' ngħix fil-ġisem, ikun ħafna aħjar għalikom.

25Minn dan jiena żgur; għalhekk naf li se nibqa' hawn, u nkun magħkom għall-ġid u l-hena tagħkom fil-fidi.

26Mela, meta nerġa' niġi għandkom, ikollkom aktar biex tiftaħru bija fi Kristu Ġesù.

27Ħaġa waħda ngħidilkom: ġibu ruħkom kif jixraq lill-Evanġelju ta' Kristu, ħalli sew jekk niġi narakom, sew jekk inkun 'il bogħod, nisma' fuqkom li intom tinsabu qawwija fi spirtu wieħed, u tissieltu b'fehma waħda għall-fidi tal-Evanġelju,

28bla xejn ma tibżgħu minn dawk li jeħduha magħkom. Dan ikun għalihom prova tat-telfien tagħhom, imma għalikom prova tas-salvazzjoni; u dan kollu ġej minn Alla,

29għaliex lilkom ngħatat il-grazzja li sservu lil Kristu, mhux biss temmnu fih, imma saħansitra tbatu għalih,

30u tkunu fl-istess taqbida li intom rajtu fija, u li issa smajtu li għadni fiha.

## Filippin 2

### L-umiltà ta' Kristu u dik tagħna

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[1]Jekk hemm fikom xi faraġ fi Kristu; jekk hemm xi kelma ta' ħlewwa fl-imħabba; jekk hemm xi xirka fl-Ispirtu; jekk hemm xi ħniena u mogħdrija; kunu fehma waħda

[2]u imlewni bil-ferħ! Ha jkollkom l-istess imħabba, u ruħ waħda u ħsieb wieħed.

[3]Tagħmlu xejn b'pika ta' partit, anqas għall-ftaħir fieragħ; imma kunu umli u kull wieħed minnkom iqis lill-ieħor aħjar minnu.

[4]Hadd minnkom ma għandu jfittex li jaqbillu, imma li jaqbel lil ħaddieħor.

[5]Aħsbu bħalma kien jaħseb Kristu Ġesù:

[6]hu li għad li kellu n-natura ta' Alla, ma qagħadx ifittex tiegħu li hu daqs Alla,

[7]iżda xejjen lilu nnifsu billi ħa n-natura ta' lsir; sar jixbah lill-bnedmin, u deher minn barra bħala bniedem;

[8]ċekken lilu nnifsu, billi obda sal-mewt, anzi sal-mewt tas-salib.

[9]Għalhekk Alla għollieh sas-smewwiet u żejnu bl-Isem li hu fuq kull isem,

[10]biex fl-isem ta' Ġesù

- fis-sema, fl-art u f'qiegħ l-art - il-ħlejjaq kollha jinżlu għarrkupptejhom,

[11]u kull ilsien jistqarr: "Ġesù Kristu hu Mulej", għall-glorja ta' Alla l-Missier".

### Aħna d-dawl tad-dinja

[12]Għalhekk, għeżież tiegħi, bħalma dejjem obdejtu, mhux biss meta kont magħkom, imma wisq aktar issa li m'iniex magħkom, ħabirku għas-salvazzjoni tagħkom bil-biża' u t-tregħid.

[13]Alla hu li jaħdem fikom u jġegħelkom tridu u tħabirku biex tagħmlu dak li jogħġob lilu.

[14]Agħmlu kollox mingħajr tgemgim u mingħajr tlaqliq,

[15]ħalli tkunu nies bla għajb u safja, ulied Alla bla tebgħa f'nofs bnedmin ta' ħajja mgħawġa u mħassra; fosthom intom għandkom tiddu fid-dinja bħal kwiekeb.

[16]U żżommu sħiħ il-kelma tal-ħajja; hekk fil-jum ta' Kristu jkolli biex niftaħar li ma nkunx ġrejt u tħabatt għal xejn.

[17]U mqar kieku kelli nxerred demmi fuq il-vittmi u s-sagrifiċċju tal-fidi tagħkom, jiena nifraħ fuq li nifraħ magħkom ilkoll.

[18]U hekk ukoll intom għandkom tifirħu fuq li tifirħu miegħi.

### Timotju u Epafroditu

[19]Nittama fil-Mulej Ġesù li nibagħtilkom malajr lil Timotju biex nieħu r-ruħ jiena wkoll b'aħbarkom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

20’Il ħadd ma għandi bħalu li minn qalbu jieħu ħsiebkom sewwa.

21Kulħadd ifittex li jaqbel lilu u mhux dak li hu ta’ Ġesù Kristu.

22Intom tafu bit-tiġrib tiegħu; kif bħal iben ma’ missieru ħadem miegħi għat-
tixrid tal-Evanġelju.

23Nittama li nibagħtu ma ndumx hekk kif insir naf fiex sa nsib ruħi.

24Għandi qalbi qawwija fil-Mulej li ma ndumx ma niġi għandkom.

25Hassejt li jeħtieġ nibagħtilkom lil Epafroditu, ħija, ħaddiem miegħi u sieħbi
fit-taqbid; mibgħut minnkom biex jgħinni fil-ħtiġiet tiegħi.

26Għandu ħrara kbira li jarakom u inkwieta ħafna għax intom smajtu li kien
marad.

27Tassew li kien marid għall-mewt; iżda Alla ħenn għalih, u mhux biss għalih,
imma għalija wkoll u b’hekk ma kellix għali fuq għali.

28Għalhekk fittixt aktar fuq ix-xwiek li nibgħathulkom, ħalli tarawh intom, u
tifirħu; u jien neħles mill-għali.

29Ilqgħuh ilkoll ferħana fil-Mulej; għożżuhom nies bħal dawn.

30Ittarraf sal-mewt u kien għoddu miet biex jaħdem għal Kristu, u tarraf ħajtu
biex jagħmel tajjeb hu fejn naqset l-għajnuna tagħkom għalija.

## Filippin 3

### Il-qdusija vera

1Mill-bqija, ħuti, ifirħu fil-Mulej! Jiena ma niddejjaqx niktbilkom fuq l-istess
ħwejjeġ, għaliex dan isaħħaħkom.

2Oqogħdu attenti mill-klieb! Oqogħdu attenti minn dawk li jagħmlu l-ħażen!
Attenti minn dawk li jridu t-tqattigħ tal-ġisem!

3Għax dawk li tassew għandhom iċ-ċirkonċiżjoni huma aħna; aħna li qegħdin
naqdu lil Alla fl-Ispirtu u niftaħru fi Kristu Ġesù; aħna li ma nqegħdux il-fiduċja
tagħna fil-ġisem,

4għad li jien nista’ nqiegħed il-fiduċja tiegħi fil-ġisem. Jekk hemm xi ħadd li
għandu għax iqiegħed it-tama tiegħu fil-ġisem, jiena għandi aktar minnu:

5ta’ tmint ijiem għamluli ċ-ċirkonċiżjoni, twelidt fil-poplu ta’ Iżrael, mit-tribù ta’
Benjamin, Lhudi mil-Lhud, Fariżew fl-osservanza tal-Liġi;

6biż-żelu li kelli, ippersegwitajt il-Knisja; għal dik li hi ġustizzja tal-Liġi, ħadd
ma sata’ jgħid xejn fija.

7Imma dak kollu li għalija kien qligħ, jien għaddejtu bħala telf minħabba Kristu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

8Jiena ngħodd kollox bħala telf ħdejn il-qligħ kbir li hemm filli nagħraf lil Kristu Ġesù Sidi; minħabba fih ridt li nitlef kollox, u ngħodd kollox bħala knis, biex nirbaħ lil Kristu,

9u nkun ninsab fih; mhux għax għandi xi ġustizzja tiegħi, dik li tiġi permezz tal-Liġi, iżda dik li tiġi permezz tal-fidi fi Kristu, il-ġustizzja ġejja minn Alla u mibnija fuq il-fidi.

10Irrid nagħraf lilu u l-qawwa tal-qawmien tiegħu mill-imwiet, u naqsam miegħu t-tbatijiet tiegħu, u nsir nixbhu fil-mewt,

11biex jirnexxili nikseb il-qawmien mill-imwiet.

### Inħarsu ’l quddiem

12M’iniex ngħid li jiena ġa ksibtu, jew li jien ġa perfett. Imma rross ’il quddiem biex naħtaf dan, bħalma Kristu Ġesù ġa ħataf lili.

13L-aħwa, ma jidhirlix li dan ġa lħaqtu; imma ħaġa waħda ngħid: waqt li ninsa ’l ta’ warajja kollu, jiena nagħmel ħilti kollha biex nilħaq dak li hemm quddiemi;

14niġri ’l quddiem lejn it-tmiem, biex nikseb il-premju li għalih Alla qed isejħilna hemm fuq fi Kristu Ġesù.

15Aħna li aħna perfetti, ħa nkunu ta’ din il-fehma. Jekk taħsbu xorta oħra, jagħtikom id-dawl Alla.

16Mill-bqija, wasalna fejn wasalna, ħa nimxu pass wieħed.

17L-aħwa, ixbhu lili, u ħarsu lejn dawk li jimxu skont l-eżempju li rajtu fina.

18Għaliex hawn ħafna - dan għedthulkom bosta drabi, imma issa ntennihulkom bid-dmugħ f’għajnejja - hawn ħafna li jġibu ruħhom bħal għedewwa tas-salib ta’ Kristu.

19It-telfien għad ikun tmiemhom; alla tagħhom hu żaqqhom, jiftaħru b’dak li jmisshom jisthu minnu, u moħħhom biss fil-ħwejjeġ tad-dinja.

20Imma aħna pajjiżna fis-sema; minn hemm bil-ħerqa nistennewh jiġi, is-Salvatur tagħna Sidna Ġesù Kristu.

21Hu għad irid ibiddlilna l-ġisem imsejken tagħna fis-sura tal-ġisem glorjuż tiegħu, bil-qawwa tas-setgħa li għandu li jġib kollox taħtu.

## Filippin 4

1Għalhekk, intom, ħuti li intom l-għożża u x-xewqa tiegħi, ferħ u kuruna tiegħi, żommu sħiħ fil-Mulej, maħbubin tiegħi.

### Twissijiet

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

2Lil Evojda u lil Sintiki nitlobhom bil-ħerqa biex ikunu ta’ fehma waħda fil-Mulej.

3U lilek ukoll nitlob, sieħbi Siżigu, għinhom int, għax huma t-tnejn tħabtu miegħi fix-xogħol tal-Evanġelju flimkien ma’ Klement u l-bqija ta’ sħabi. Isimhom miktub fil-ktieb tal-ħajja.

4Ifirħu dejjem fil-Mulej; nerġa’ ngħidilkom, ifirħu.

5Il-ħlewwa tagħkom, ħa jkunu jafuha l-bnedmin kollha. Il-Mulej qorob.

6Tħabbtu raskom b’xejn. Fit-talb kollu tagħkom itolbu u uru lil Alla xi jkollkom bżonn, u iżżuh ħajr.

7U s-sliem ta’ Alla, sliem li jgħaddi kulma l-moħħ jista’ jifhem, iżommilkom qalbkom u moħħkom sħaħ fi Kristu Ġesù.

8Mill-bqija, l-aħwa, f’dan għandkom taħsbu: f’kulma hu veru, f’kulma hu xieraq, f’kulma hu ġust, f’kulma hu safi, f’kulma jiġbed l-imħabba, f’kulma jistħoqqlu l-ġieħ, f’kulma hu virtù, f’kulma ħaqqu t-tifħir; f’dan kollu aħsbu.

9U kulma tgħallimtu u ħadtu mingħandna, u smajtu u rajtu fina, agħmluh. Alla tas-sliem ikun magħkom.

### L-għajnuna tal-Filippin

10Jiena fraħt ħafna fil-Mulej talli fl-aħħar erġajtu ħadtu ħsiebi. Minn daqshekk intom dejjem ħsibtu fija, imma sa issa ma kellkomx okkażjoni.

11Qiegħed ngħid dan mhux għax neħtieġ xi ħaġa; jien issa tgħallimt ngħaddi b’dak li jkolli;

12naf ngħix fl-għaks, u naf ngħix fil-ġid; kollox drajt u noqgħod għal kollox: ix-xaba’ u l-ġuħ, il-ġid u l-għaks.

13Għal kollox niflaħ bis-saħħa ta’ dak li jqawwini.

14Għamiltu sewwa ħafna meta qsamtu miegħi tbatijieti.

15Intom tafu wkoll, Filippin, li fil-bidu tax-xandir tal-Evanġelju, meta ħallejt il-Maċedonja, ebda knisja oħra ħliefkom ma ssieħbet miegħi fil-qligħ u t-telf;

16għax imqar meta kont fit-Tessalonika, għal darba tnejn bgħattu tgħinuni meta kont neħtieġ.

17Mhux għax jien infittex l-għotjiet, iżda nfittex li l-frott joktor għall-ġid tagħkom.

18Għandi kulma neħtieġ u iktar. Imtlejt b’kulma wasalli mingħandkom permezz ta’ Epafroditu bħala offerta tfuħ u sagrifiċċju milqugħ u mogħġub minn Alla.


© 2020 Malta Bible Society.

19Jimliekom Alla tiegħi b'kull ġid fil-ħtieġa tagħkom, skont l-għana tal-glorja fi
Kristu Ġesù.

20Lil dan Alla u Missierna, glorja għal dejjem ta' dejjem. Ammen.

### L-aħħar tislijiet

21Sellu għal kull qaddis fi Kristu Ġesù.

22Isellmulkom l-aħwa li hawn miegħi. Isellmulkom il-qaddisin kollha, l-aktar
dawk li huma mill-palazz ta' Ċesari.

23Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu tkun magħkom.


© 2020 Malta Bible Society.

# Kolossin

## Kolossin 1

### Tislima

1Pawlu, appostlu ta' Kristu Ġesù bir-rieda ta' Alla, u Timotju, ħuna,

2lill-qaddisin u ħutna ta' Kolossi li jemmnu fi Kristu. Il-grazzja lilkom u s-sliem minn Alla, Missierna!

### Pawlu jiżżi ħajr lil Alla

3Niżżu ħajr dejjem lil Alla, il-Missier ta' Sidna Ġesù Kristu, u nitolbu għalikom,

4għax aħna smajna bil-fidi li għandkom fi Kristu Ġesù, u bl-imħabba tagħkom għall-qaddisin kollha,

5minħabba fit-tama li hemm tistenniekom fis-smewwiet, li intom smajtu biha meta tħabbritilkom l-ewwel darba l-kelma tas-sewwa tal-Evanġelju.

6Dan wasal għandkom bħalma qiegħed jagħti l-frott u jikber fid-dinja kollha, bħalma għamel s'issa fostkom, sa minn meta smajtu bil-grazzja ta' Alla u għaraftuha fis-sewwa.

7Dan tgħallimtuh mingħand il-maħbub Epafra, seħibna fix-xogħol tagħna u ministru fidil ta' Kristu għalikom,

8li għarraf lilna wkoll bl-imħabba li għandkom fl-Ispirtu.

### Il-persuna u l-ħidma ta' Kristu

9Għalhekk aħna wkoll, mindu smajna bikom, ma hedejniex nitolbu għalikom, u nibqgħu nitolbu li tagħrfu sewwa r-rieda ta' Alla bl-għerf kollu u d-dehen spiritwali.

10Hekk tkunu tistgħu tgħixu sewwa kif jixraq lill-Mulej u togħġbuh f'kollox bil-frott ta' kull opra tajba, u tikbru fl-għarfien ta' Alla,

11titwettqu bil-qawwa kollha li tiġi mill-qawwa tal-glorja tiegħu, biex tkunu tifilħu ġġarrbu kollox bis-sabar. Ifirħu

12u roddu ħajr lill-Missier, li għamilkom denji li tissieħbu fil-wirt tal-qaddisin fis-saltna tad-dawl.

13Ħelisna mill-ħakma tad-dlam, u daħħalna fis-saltna ta' Ibnu l-maħbub,

14li bih għandna l-fidwa, il-maħfra tad-dnubiet.

15Hu x-xbieha ta' Alla li ma jidhirx, il-kbir fost il-ħlejjaq kollha;

16għax fih kien maħluq kollox, fis-sema u fl-art, dak kollu li jidher u dak kollu li ma jidhirx, Troni u Ħakmiet, Prinċipati u Setgħat.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

17Kollox bih u għalih kien maħluq, hu li hu qabel kollox, u kollox fih qiegħed iżomm.

18Hu r-Ras tal-Ġisem, li hu l-Knisja. Hu li hu l-bidu, il-kbir li qam mill-imwiet, sabiex ikun hu l-ewwel f'kollox.

19Hekk Alla għoġbu li tgħammar fih il-milja kollha;

20bih Alla għoġbu jerġa' jħabbeb kollox miegħu; bid-demm tiegħu, imxerred fuq is-salib, ġieb is-sliem permezz tiegħu fis-sema u fl-art.

21Intom ukoll kontu 'l bogħod minn Alla u għedewwa tiegħu minħabba l-ħażen ta' ħsibijietkom u għemilkom;

22imma issa sirtu ħbieb tiegħu permezz tal-mewt ta' Ibnu mogħti għall-mewt skont il-ġisem, biex dan iressaqkom quddiemu qaddisa, safja u bla għajb,

23kemm-il darba intom iżżommu sħaħ fil-fidi; sodi bla ma titħarrku mit-tama tal-Evanġelju li intom smajtu, u li tħabbar lill-ħlejjaq kollha taħt is-smewwiet, u li tiegħu jien, Pawlu, sirt ministru.

**Il-ministeru ta' Pawlu fil-Knisja**

24Jien issa nifraħ bit-tbatijiet tiegħi minħabba fikom, għaliex bihom jiena ntemm f'ġismi dak li jonqos mit-tbatijiet ta' Kristu għall-ġisem tiegħu li hu l-Knisja.

25Tagħha jiena sirt ministru, skont ma tani nagħmel Alla għalikom, jiġifieri li nxandar b'mod sħiħ il-Kelma ta' Alla,

26il-misteru li kien moħbi sa miż-żminijiet u l-ġenerazzjonijiet kollha, u li issa hu mgħarraf lill-qaddisin tiegħu,

27lil dawk li Alla ried jgħarrafhom kemm huwa kbir l-għana tal-glorja ta' dan il-misteru fost il-pagani, li hu Kristu fikom, it-tama tal-glorja tagħkom.

28Lilu aħna nħabbru lill-bnedmin kollha, u nwissu u ngħallmu lil kulħadd bl-għerf kollu biex inwasslu lil kull bniedem għall-perfezzjoni fi Kristu.

29Għalhekk jiena nitħabat u nissielet bis-saħħa tiegħu, li tinsab taħdem fija bil-qawwa kollha tiegħu.

## Kolossin 2

1Irridkom tkunu tafu kemm kelli nissielet minħabba fikom u minħabba f'dawk li joqogħdu f'Laodiċija u oħrajn li qatt ma raw wiċċi b'għajnejhom.

2Dan nagħmlu biex inqawwilhom qalbhom u jinġabru lkoll flimkien fl-imħabba, ħalli jaslu għall-għana tal-fehma sħiħa u l-għarfien tal-misteru ta' Alla li hu Kristu.


© 2020 Malta Bible Society.

3Fih hemm moħbija t-teżori kollha tal-għerf u l-għaqal.

4Dan qiegħed ngħidhulkom biex ħadd ma jqarraq bikom b'xi kliem fieragħ.

5Jekk jien m'iniex f'nofskom b'ġismi, ninsab magħkom b'ruħi. Nifraħ meta
narakom iġġibu ruħkom bl-ordni u sħaħ fil-fidi tagħkom fi Kristu.

### Il-milja tal-ħajja fi Kristu

6Intom ilqajtu lil Kristu Ġesù l-Mulej; għixu mela magħqudin miegħu;

7niżżlu għeruqkom fih, u ibnu l-ħajja tagħkom fuqu; issaħħu fil-fidi, kif
tgħallimtu, u mtlew bil-gratitudni.

8Qisu li ħadd ma ijassarkom b'filosofija u kliem qarrieq u fieragħ skont dak li
hu ġej mill-bnedmin, skont il-prinċipji tad-dinja u mhux ta' Kristu.

9Fih hemm tgħammar il-milja sħiħa tad-divinità fil-ġisem;

10u intom, magħqudin kif intom miegħu, għandkom sehem mill-milja tiegħu, hu
li hu r-Ras tal-Prinċipati u tas-Setgħat kollha.

11Fih intom kontu ċirkonċiżi, mhux biċ-ċirkonċiżjoni b'idejn il-bnedmin, imma
biċ-ċirkonċiżjoni ta' Kristu, li biha intom inżajtu mill-ġisem tad-dnub;

12indfintu miegħu bil-magħmudija u rxuxtajtu miegħu permezz tal-fidi
tagħkom fil-qawwa ta' Alla li qajmu mill-imwiet.

13Kontu mejta minħabba dnubietkom u għax ma kellkomx iċ-ċirkonċiżjoni
f'ġisimkom; imma issa Alla takom il-ħajja flimkien ma' Kristu: Hafrilna
dnubietna kollha.

14Ħassar il-kont tad-dejn li kellna bl-obbligi li kien hemm kontrina; neħħieh
min-nofs u sammru mas-salib.

15Neżża' l-Prinċipati u s-Setgħat, u għamel wirja minnhom quddiem id-dinja, u
karkarhom warajh fit-trijonf tiegħu bi Kristu.

16Ħadd ma għandu jiġġudikakom fuq ikel u xorb, fuq festi u jiem ta' qamar ġdid,
u fuq sibtijiet:

17dawn huma dell tal-ħwejjeġ li għandhom jiġu, imma r-realtà hija Kristu.

18Tħallux lil min jisirqilkom il-premju billi jagħmilha tal-umli u taparsi jqim lill-
anġli, jimla rasu bil-viżjonijiet u moħħu bil-frugħat ta' bniedem li hu

19bla ma jżomm mar-Ras li minnha l-ġisem kollu, permezz tal-għekiesi u l-irbit
tiegħu, jieħu l-għajxien u l-għaqda biex jikber skont ma jagħtih Alla.

### Il-ħajja ġdida fi Kristu

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[20]Ladarba intom, bil-mewt tagħkom ma' Kristu, ħlistu mill-prinċipji tad-dinja, għala issa, bħallikieku għadkom tgħixu għad-dinja, tintrabtu bi preċetti bħalma huma:

[21]"La tiħux dan, la dduqx din, la tmissx dak?"

[22]U dan kollu għal ħwejjeġ li jiġu fix-xejn bl-użu: preċetti u tagħlim tal-bnedmin.

[23]Fil-wiċċ jidhru li fihom xi għerf, reliġjon volontarja, umiltà u tgħakkis tal-ġisem; fir-realtà ma jiswew xejn ħlief biex ipaxxu l-frugħat tal-bniedem.

## Kolossin 3

istu qiegħed fuq il-lemin ta' Alla.

[2]Aħsbu fil-ħwejjeġ tas-sema, mhux f'dawk tal-art.

[3]Għax intom mittu, imma ħajjitkom hi moħbija flimkien ma' Kristu f'Alla.

[4]Meta jidher Kristu, li hu l-ħajja tagħkom, imbagħad intom ukoll tidhru flimkien miegħu fil-glorja.

[5]Mewtu ġo fikom dak kollu li hu tal-art: żina, faħx, ġibdiet, xewqat ħżiena, u r-regħba li hi idolatrija.

[6]Minħabba dan tilħaq il-korla ta' Alla lil dawk li ma jobdux.

[7]Hekk intom kontu timxu wkoll meta kontu tgħixu fihom.

[8]Iżda issa intom ukoll ħallu kollox: korla, passjoni, ħażen, dagħa, u l-kliem mhux xieraq warrbuh minn fommkom.

[9]Tigdbux lil xulxin, intom li nżajtu l-bniedem il-qadim bl-għemil kollu tiegħu,

[10]u lbistu l-bniedem il-ġdid, li jiġġedded dejjem skont ix-xbieha ta' min ħalqu u jikber fl-għerf.

[11]Fih ma hemmx Grieg jew Lhudi, ċirkonċiż jew mhux, Barbaru jew Skita, ilsir jew ħieles, iżda Kristu f'kollox u f'kulħadd.

[12]Intom il-magħżulin ta' Alla, il-qaddisin u l-maħbubin tiegħu. Ilbsu mela sentimenti ta' ħniena, tjieba, umiltà, ħlewwa u sabar.

[13]Stabru b'xulxin, u, jekk xi ħadd minnkom ikollu xi jgħid ma' ħaddieħor, aħfru lil xulxin; bħalma l-Mulej ħafer lilkom, hekk agħmlu intom ukoll.

[14]U fuq kollox ilbsu l-imħabba, li hi l-qofol tal-perfezzjoni.

[15]Halli s-sliem ta' Kristu jsaltan fi qlubkom, dak is-sliem li għalih kontu msejħa biex issiru ġisem wieħed. U ta' dan roddu ħajr lil Alla.


© 2020 Malta Bible Society.

16Halli l-kelma ta' Kristu tgħammar sħiħa fikom; għallmu bl-għerf kollu u
widdbu lil xulxin b'salmi u innijiet u b'għana spiritwali, u b'radd il-ħajr kantaw
f'qalbkom innijiet lil Alla.

17Kulma tagħmlu jew tgħidu, agħmlu kollox f'isem il-Mulej Ġesù, u roddu ħajr
lil Alla l-Missier permezz tiegħu.

### Il-ħajja fil-familja nisranija

18Intom, nisa miżżewġa, obdu lil żwieġkom, kif għandu jkun fil-Mulej.

19Intom imbagħad, irġiel miżżewġa, ħobbu n-nisa tagħkom, u tkunux iebsa
magħhom.

20Intom, tfal, isimgħu mill-ġenituri tagħkom f'kollox, għax dan hu li jogħġob lill-
Mulej.

21Intom, missirijiet, la ddejqux lil uliedkom, għax inkella jistgħu jaqtgħu
qalbhom.

22Intom, ilsiera, isimgħu f'kollox mis-sidien tagħkom bnedmin, mhux biex
jarawkom huma u togħġbu lilhom, imma mill-qalb sempliċi tagħkom, għax
tibżgħu mill-Mulej.

23Kulma tagħmlu, agħmluh minn qalbkom bħallikieku lill-Mulej u mhux lill-
bnedmin;

24għax tafu li għad tieħdu l-ħlas li ħejja b'wirt għalikom il-Mulej. Aqdu lil Kristu
Sidna.

25Kull min jagħmel id-deni jitħallas tad-deni li jkun għamel, għax Alla ma jħares
lejn wiċċ ħadd.

## Kolossin 4

1Intom, sidien, agħtu lill-ilsiera tagħkom il-ħaqq u s-sewwa, u kunu afu li intom
ukoll għandkom sid fis-sema.

### Eżortazzjoni

2Żommu sħiħ fit-talb, ishru fih b'radd ta' ħajr lil Alla.

3Itolbu wkoll għalina, biex Alla jiftħilna l-bieb għall-kelma u nxandru l-misteru
ta' Kristu, li minħabba fih jien marbut bil-ktajjen.

4Itolbu ħalli jiena nxandru u nitkellem fuqu kif għandi nitkellem.

5Imxu bil-għaqal ma' dawk li huma barranin għalina; inqdew tajjeb b'kull
okkażjoni.

6Ha tkun dejjem il-kelma tagħkom kollha ħlewwa, imħawra bil-melħ tal-għerf,
biex tkunu tafu twieġbu sewwa lil kulħadd.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

### L-aħħar tislijiet

7Tikiku, ħija l-għażiż, il-qaddej fidil u ħaddiem miegħi fil-Mulej, jagħtikom aħbari.

8Għalhekk jien bgħattu għandkom, biex tkunu tafu fiex ninsab u jqawwilkom qalbkom.

9Bgħattu ma' Oneżimu, ħija l-għażiż u fidil, u wieħed minnkom ukoll. Huma jgħarrfukom b'kulma qiegħed jiġri hawnhekk.

10Isellmilkom Aristarku, fil-ħabs miegħi, u Marku, il-kuġin ta' Barnaba - ġa għandkom l-ordnijiet dwaru; jekk jiġi għandkom ilqgħuh tajjeb -

11u Ġożwè, li jgħidulu Ġustu. Dawn biss mil-Lhud li qegħdin jaħdmu miegħi għas-Saltna ta' Alla, u huma ta' faraġ kbir għalija.

12Isellmilkom Epafra, wieħed minnkom, qaddej ta' Kristu Ġesù; dejjem iħabrek għalikom fit-talb biex intom iżżommu ruħkom sħaħ, perfetti u mwettqin fir-rieda ta' Alla.

13Nixhidlu jien li hu jitħabat ħafna għalikom u għal dawk ta' Laodiċija u dawk ta' Ġerapoli.

14Isellmilkom Luqa, it-tabib għażiż, u Dema.

15Selluli għall-aħwa f'Laodiċija u għal Ninfa u l-knisja li tinġabar f'darha.

16Meta tkunu qrajtu din l-ittra, ħudu ħsieb li jaqrawha wkoll fil-knisja ta' Laodiċija u intom taqraw l-ittra ta' Laodiċija.

17Għidu lil Arkippu: Aħseb fil-ministeru li ħadt mill-Mulej, biex tagħmlu sewwa.

18It-tislija tiegħi, b'idi stess, Pawlu. Ftakru fil-ktajjen tiegħi. Il-grazzja tkun magħkom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

# 1 Tessalonikin

## 1 Tessalonikin 1

### Tislima

1Pawlu u Silvanu u Timotju lill-knisja ta' Tessalonika f'Alla l-Missier u l-Mulej
Ġesù Kristu: grazzja lilkom u sliem.

### Il-fidi u l-eżempju tat-Tessalonikin

2Aħna kull ħin niżżu ħajr lil Alla minħabba fikom ilkoll, u niftakru fikom dejjem
meta nitolbu.

3Niftakru fil-ħidma li hi ġejja mill-fidi tagħkom u fit-taħbit li ħiereġ minn
imħabbitkom; niftakru fil-qawwa tat-tama tagħkom f'Sidna Ġesù Kristu
quddiem Alla Missierna.

4Aħna nafu, l-aħwa, li Alla jħobbkom u għażilkom.

5Għax l-Evanġelju tagħna lilkom ma kienx biss bil-kliem, imma wkoll bil-
qawwa, bl-Ispirtu s-Santu u b'persważjoni sħiħa; intom tafu kif ġibna ruħna
meta konna fostkom għall-ġid tagħkom.

6Intom sirtu tixbhu lilna u l-Mulej, billi lqajtu l-kelma fost ħafna taħbit bil-ferħ
tal-Ispirtu s-Santu.

7Hekk intom sirtu mudell għal dawk kollha li emmnu fil-Maċedonja u l-Akaja.

8Mhux biss il-kelma tal-Mulej ħarġet minn għandkom u xterdet fil-Maċedonja u
l-Akaja, imma l-fidi li għandkom f'Alla xterdet ma' kullimkien b'mod li aħna ma
għandna għalfejn ngħidu xejn.

9Huma stess jgħidu x'laqgħa kellna għandkom, u kif dortu lejn Alla u tlaqtu l-
idoli biex taqdu lil Alla ħaj u veru

10u tistennew ġej mis-sema lil Ibnu, li hu qajjem mill-imwiet, Ġesù li ħelisna
mill-korla li ġejja.

## 1 Tessalonikin 2

### Il-qalb ta' Pawlu u l-ħidma tiegħu

1Intom tafu, l-aħwa, li l-miġja tagħna fostkom ma kinitx għal xejn.

2Għalkemm aħna, bħalma tafu, batejna u żebilħuna f'Filippi qabel ma ġejna
għandkom, imma għamilna l-qalb f'Alla tagħna, u fost ħafna taħbit
xandarnielkom l-Evanġelju ta' Alla.

3Il-kliem ta' tħeġġiġ tagħna lilkom la hu ħiereġ mill-għelt, la mill-wiċċ b'ieħor, u
lanqas mill-qerq.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

4Aħna nxandru l-Evanġelju skont ma konna mġarrbin minn Alla qabel ma fdahulna f'idejna; u nfittxu li nogħġbu mhux lill-bnedmin imma lil Alla li jġarrab qlubna.

5Kif tafu intom, aħna ma ġejniex inżiegħlu bikom bil-kliem, anqas ma kellna xi ħsieb ta' regħba, kif jista' jixhed Alla.

6Aħna ma fittixniex il-glorja tal-bnedmin, la mingħandkom u lanqas mingħand ħaddieħor,

7għad li stajna nippretendu ħafna mingħandkom bħala Appostli ta' Kristu; imma ġibna ruħna magħkom bil-ħlewwa, bħalma omm tradda' tħaddan lil uliedha.

8Aħna għożżejniekom hekk li ridna naqsmu magħkom mhux biss l-Evanġelju ta' Alla imma wkoll ħajjitna stess, daqskemm ħabbejniekom.

9Intom, l-aħwa, tiftakru fit-taħbit u t-tbatija kbira tagħna. Sakemm konna qegħdin inxandrulkom l-Evanġelju ta' Alla, aħna ħdimna billejl u binhar, biex lil ħadd minnkom ma ngħabbu.

10Tixhdu intom u Alla wkoll, kemm kienet qaddisa, ġusta u bla għajb l-imġiba tagħna magħkom li emmintu.

11Aħna, kif tafu, ġibna ruħna ma' kull wieħed minnkom qisna missier ma' wliedu:

12farraġniekom, għamilnielkom il-qalb, ħeġġiġniekom ħalli timxu kif hu xieraq quddiem Alla li sejħilkom għas-saltna u l-glorja tiegħu.

13Aħna niżżu ħajr bla heda lil Alla talli l-kelma ta' Alla, li intom smajtu mingħandna, iltqajtuha mhux bħala kelma ta' bniedem, iżda bħala kelma ta' Alla, kif tassew hi, dik il-kelma li qiegħda taħdem fikom li emmintu.

14Lilkom, ġralkom, l-aħwa, bħalma ġara lill-knejjes li jinsabu fil-Lhudija fi Kristu Ġesù: intom ilkoll sofrejtu min-nies ta' pajjiżkom dak li sofrew huma mingħand il-Lhud.

15Dawn qatlu l-Mulej Ġesù u l-profeti, u lilna wkoll ħaqruna. Huma ma jogħġbux lil Alla, u jobogħdu lill-bnedmin kollha,

16għax ma jħalluniex inkellmu lill-pagani biex isalvaw. U hekk jimlew dejjem il-kejl ta' dnubiethom. Imma l-għadab ta' Alla fl-aħħar waqa' fuqhom.

### Pawlu jixtieq jerġa' jżurhom

17Ngħid għalina, l-aħwa, meta aħna għal xi żmien konna mbiegħda minnkom, mill-għajn u mhux mill-qalb, kemm fittixna biex naraw lil wiċċkom, xewqana għall-aħħar li narawkom!


© 2020 Malta Bible Society.

18Għalhekk ridna niġu għandkom, jien, Pawlu, għal darba darbtejn; imma x-xitan fixkilna.

19Min hu t-tama tagħna, il-ferħ tagħna, il-kuruna tagħna, il-foħrija tagħna, għal quddiem Sidna Ġesù f'jum il-miġja tiegħu? Intom, u ħadd iżjed.

20Intom il-glorja u l-ferħ tagħna!

## 1 Tessalonikin 3

1Fl-aħħar ma stajniex aktar, u qtajnieha li nibqgħu weħidna f'Ateni,

2u nibagħtu lil Timotju, ħuna u seħibna fix-xogħol ta' Alla għax-xandir tal-Evanġelju ta' Kristu; bgħatnieh iwettaqkom u jagħmlilkom il-qalb fil-fidi tagħkom,

3sabiex ħadd minnkom ma jitħarrek fost dan it-tiġrib. Intom stess tafu li aħna għal dan qegħdin;

4għaliex meta konna għadna għandkom aħna għednielkom minn qabel li għad irridu nbatu, bħalma ġara u bħalma tafu.

5Għalhekk, jien ukoll meta ma flaħtx nissaporti aktar, bgħatt nara kif intom fil-fidi tagħkom, jekk ix-Xitan ġarrabkomx u t-taħbit tiegħi safax fix-xejn.

6Issa ġie Timotju għandna mingħandkom u tana l-aħbarijiet tajba dwar il-fidi u l-imħabba tagħkom, u qalilna kif intom għadkom tiftakruna dejjem fil-ġid u kif tixtiequ tarawna bħalma aħna lilkom.

7Għalhekk aħna għamilna l-qalb, l-aħwa, minħabba fikom u l-fidi tagħkom, fin-niket u t-tbatijiet tagħna.

8Issa ngħixu għax intom sħaħ fil-Mulej.

9Kif nistgħu niżżu ħajr lil Alla għal dan il-ferħ kollu li għandna minħabba fikom quddiem Alla tagħna!

10Lejl u nhar nitlob fuq li nitlob biex nara lil wiċċkom u ntemm kulma jonqos fil-fidi tagħkom.

11Mhux li kienu Alla nnifsu, Missierna, u Sidna Ġesù Kristu jwittulna t-triq għal għandkom!

12Jalla l-Mulej ikattrilkom u jfawwarkom bl-imħabba għal xulxin u lejn kulħadd, l-istess bħalma aħna nħobbu lilkom,

13ħalli jqawwilkom qalbkom u jkollkom qdusija bla għajb quddiem Alla, Missierna, għal meta jiġi Sidna Ġesù mdawwar bil-qaddisin tiegħu!

## 1 Tessalonikin 4

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

### Il-ħajja li jrid Alla

1 Fl-aħħar, l-aħwa, intom tgħallimtu mingħandna kif għandkom timxu biex togħġbu lil Alla, kif tabilħaqq qegħdin iġġibu ruħkom; aħna f'Sidna Ġesù nitolbukom u nħeġġukom biex tagħmlu xi ħaġa iżjed.

2 Tafu x'tagħlim tajniekom permezz ta' Sidna Ġesù.

3 Dan irid Alla minnkom: il-qdusija tagħkom, li titbiegħdu miż-żina,

4 u li kull wieħed minnkom iżomm 'il ġismu fil-qdusija u l-ġieħ,

5 u ma jħallix il-passjoni tegħlbu bħall-pagani li ma jagħrfux lil Alla.

6 F'din il-ħaġa ħadd ma għandu jagħmel tort jew ħsara lil ħuh, għax il-Mulej jaf jitħallas ta' dan kollu, kif ġa għednielkom qabel u tajniekom xhieda.

7 Għax Alla ma sejħilniex biex ngħixu fiż-żina, imma fil-qdusija.

8 Għalhekk min iwarrab dan it-tagħlim, ikun iwarrab mhux lill-bniedem, iżda lil Alla li takom l-Ispirtu qaddis tiegħu.

9 Fuq l-imħabba tal-aħwa ma għandniex għalfejn niktbulkom; intom stess tgħallimtu mingħand Alla kif għandkom tħobbu lil xulxin.

10 U dan intom qegħdin tagħmluh mal-aħwa kollha li jinsabu fil-Maċedonja kollha. Inħeġġukom, ħuti, li tagħmlu iktar minn hekk.

11 Fittxu li tgħixu fil-kwiet, kulħadd jagħmel li għandu jagħmel u taħdmu b'idejkom, kif ġa għednielkom.

12 Hekk intom timxu kif jixraq quddiem il-barranin, u ma jkollkom bżonn ħadd.

### Il-miġja tal-Mulej

13 Ma rridux li ma tkunux tafu, l-aħwa, fuq il-mejtin biex ma ssewdux qalbkom bħall-oħrajn li ma għandhomx tama.

14 Jekk aħna nemmnu li Ġesù miet u qam mill-imwiet, hekk ukoll Alla jiġbor miegħu lil dawk li raqdu f'Ġesù.

15 Dan ngħidulkom fuq il-kelma tal-Mulej, jiġifieri li aħna li nkunu għadna hawn ħajjin għall-miġja tal-Mulej, ma mmorrux qabel dawk li jkunu raqdu.

16 Għaliex il-Mulej innifsu mal-kmand, mal-leħen tal-arkanġlu u t-tromba ta' Alla, jinżel mis-sema, u dawk li jkunu mietu fi Kristu jqumu l-ewwel.

17 Imbagħad aħna li nkunu ħajjin, li nkunu għadna hawn, ninħatfu magħhom fis-sħab biex niltaqgħu mal-Mulej fl-ajru. Hekk inkunu dejjem mal-Mulej.

18 Agħmlu l-qalb lil xulxin b'dan il-kliem.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

# 1 Tessalonikin 5

1Dwar il-ħin u ż-żmien, l-aħwa, ma għandix bżonn niktbilkom.

2Intom tafu sewwa li Jum il-Mulej jiġi għal għarrieda bħal ħalliel billejl.

3Meta kulħadd jibda jgħid: "Sliem u mistrieħ", dak il-ħin stess, bħall-uġigħ fuq mara li tkun waslet għall-ħlas, tiġi fuqhom għal għarrieda l-qerda u ma jeħilsu b'xejn.

4L-aħwa, intom m'intomx fid-dlam biex Jum il-Mulej jeħodkom għal għarrieda bħal ħalliel.

5Intom ilkoll ulied id-dawl u wlied il-jum; aħna m'aħniex ulied il-lejl, anqas ulied id-dlam.

6Għalhekk ma għandniex norqdu bħall-oħrajn, iżda nishru u ngħixu bil-qjies.

7Għax min jorqod, jorqod billejl; u min jisker, jisker billejl.

8Ladarba aħna wlied il-jum, ejjew ngħixu bil-qjies, nilbsu l-kurazza tal-fidi u l-imħabba, u l-elmu tat-tama tas-salvazzjoni.

9Għax Alla ma għażilniex għall-għadab, imma biex niksbu s-salvazzjoni permezz ta' Sidna Ġesù Kristu,

10li miet għalina, sabiex sew jekk inkunu nishru u sew jekk inkunu rieqda meta jiġi, ngħixu ħaġa waħda miegħu.

11Għalhekk farrġu lil xulxin u ibnu lil xulxin, kif qegħdin tagħmlu.

### L-aħħar kelma u tislijiet

12Nitolbukom, l-aħwa, isimgħu minn dawk li qegħdin jaħdmu f'nofskom, u li l-Mulej qegħedhom fuqkom biex iwissukom.

13Għożżuhom u ħobbuhom kemm tifilħu minħabba fil-ħidma tagħhom. Għixu fis-sliem bejnietkom.

14Aħna nħeġġukom, l-aħwa, biex twiddbu lill-għażżenin, tagħmlu l-qalb lill-beżżiegħa, tgħinu lid-dgħajfa, tistabru b'kulħadd.

15Qisu li ħadd ma jrodd deni b'deni, imma fittxu dejjem il-ġid ta' xulxin u ta' kulħadd.

16Ifirħu dejjem,

17itolbu bla heda,

18iżżu ħajr lil Alla f'kollox. Dan hu li jrid Alla mingħandkom fi Kristu Ġesù.

19Ixxekklux l-Ispirtu,

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[20]tmaqdrux il-profezija,

[21]ippruvaw kollox: it-tajjeb żommuh,

[22]u, fuq kollox, warrbu kull xorta ta’ ħażen.

[23]U Alla tas-sliem iqaddiskom f’kollox, u jżommkom sħaħ bla mittiefsa fl-ispirtu, fir-ruħ u fil-ġisem, sa ma jiġi Sidna Ġesù Kristu.

[24]Fidil hu Alla li sejħilkom, u huwa jagħmel dan.

[25]L-aħwa, itolbu wkoll għalina.

[26]Sellu għall-aħwa kollha b’bewsa qaddisa.

[27]Bil-qawwa kollha nitlobkom f’ġieħ il-Mulej li taqraw din l-ittra lill-aħwa kollha.

[28]Il-grazzja ta’ Sidna Ġesù Kristu tkun magħkom.


© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

# 2 Tessalonikin

## 2 Tessalonikin 1

### Tislima

1 Pawlu u Silvanu u Timotju lill-knisja tat-Tessalonikin li hi f'Alla Missierna u l-
Mulej Ġesù Kristu.

2 Il-grazzja u s-sliem lilkom minn Alla l-Missier u l-Mulej Ġesù Kristu.

### Il-miġja ta' Kristu u l-ġudizzju

3 Aħna għandna dejjem niżżu ħajr lil Alla, l-aħwa, minħabba fikom, u hekk jixraq,
għax il-fidi tagħkom qiegħda tikber fuq li tikber, u qiegħda toktor fostkom ilkoll
l-imħabba li kull wieħed minnkom għandu għall-ieħor.

4 Għalhekk aħna stess niftaħru bikom fil-knejjes ta' Alla għas-sabar tagħkom u
għall-fidi tagħkom fil-persekuzzjonijiet u t-tbatijiet kollha li intom għaddejjin
minnhom.

5 Minn dan jidher il-ħaqq ġust ta' Alla, ħalli b'hekk tkun tixirqilkom is-Saltna ta'
Alla, li minħabba fiha qegħdin tbatu.

6 Alla għad jagħmel is-sewwa, u jrodd it-tbatija lil dawk li qegħdin iġagħlukom
issofru;

7 u għad iserraħ lilkom li qegħdin issofru, kif ukoll lilna, dak in-nhar li l-Mulej
Ġesù jfeġġ mis-smewwiet imdawwar bl-anġli tal-qawwa tiegħu b'nar iħeġġeġ,

8 biex iħallas lil dawk li ma jagħrfux lil Alla, u 'l dawk li ma jobdux l-Evanġelju
ta' Sidna Ġesù.

9 Dawn għad jitħallsu bil-piena tat-telfien ta' dejjem, 'il bogħod minn wiċċ il-
Mulej u mill-glorja tal-qawwa tiegħu,

10 dakinhar li jiġi biex jieħu l-glorja mingħand il-qaddisin tiegħu u l-ġieħ minn
dawk kollha li jkunu emmnu, għax intom emmintu x-xhieda tagħna fostkom.

11 Għalhekk aħna dejjem nitolbu għalikom li Alla tagħna jagħmilkom denji tas-
sejħa tiegħu, u jagħmel li bil-qawwa tiegħu sseħħ kull rieda tajba tagħkom
għall-ġid u kull ħidma tal-fidi tagħkom.

12 U hekk l-isem ta' Sidna Ġesù Kristu jkun igglorifikat fikom u intom fih skont
il-grazzja ta' Alla tagħna u tal-Mulej Ġesù Kristu.

## 2 Tessalonikin 2

### Meta jidher il-Mulej

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[1]L-aħwa, għal dak li għandu x'jaqsam mal-miġja ta' Sidna Ġesù Kristu u l-ġemgħa tagħna biex ningħaqdu miegħu,

[2]nitolbukom biex ma toqogħdux tħawdu raskom malajr u tinħasdu bħallikieku l-miġja ta' jum il-Mulej qorbot, u la jekk tkunu mnebbħin mill-ispirtu u lanqas jekk tisimgħu xi kelma jew taqraw xi ittra taparsi mingħandna.

[3]Tħallux 'il min iqarraq bikom, b'ebda mod! L-aħħar jum ma jkunx magħna qabel ma tkun seħħet ir-rewwixta u jinkixef il-Bniedem tad-dnub, ikkundannat għat-telfien;

[4]hu li jqum u jintrafa' fuq kulma jġib l-isem ta' Alla jew kulma hu miqjum mill-bnedmin, sabiex hu stess joqgħod bilqiegħda fit-tempju ta' Alla u jsejjaħ lilu nnifsu Alla.

[5]Ma tiftakrux li dan kollu kont ngħidhulkom meta kont fostkom?

[6]U issa intom tafu x'qiegħed iżomm li dan ma jseħħx għalissa qabel żmienu.

[7]Tassew li l-misteru tal-ħażen ġa qiegħed jaħdem, imma kulma għandu jiġri ma jiġrix qabel ma jkun twarrab min-nofs dak li issa qiegħed irażżnu.

[8]Imbagħad jinkixef il-Ħażin, u l-Mulej Ġesù joqtlu b'nifs fommu u jeqirdu bid-dija tal-preżenza tiegħu.

[9]Il-Ħażin għad jiġi bil-qawwa tax-Xitan, u jagħmel kull xorta ta' mirakli u sinjali u għeġubijiet foloz,

[10]u jinqeda b'kull xorta ta' qerq u ħażen fuq dawk li huma kkundannati għall-qerda għax ma ħabbewx u ma laqgħux il-verità biex isalvaw.

[11]Għalhekk Alla qed jibagħtilhom kontrihom qawwa qarrieqa biex jemmnu l-gideb,

[12]ħalli b'hekk dawk kollha li ma jemmnux il-verità, imma jogħġobhom il-ħażen, ikunu kkundannati.

### Il-maħturin għas-salvazzjoni

[13]Aħna għandna niżżu ħajr dejjem 'l Alla minħabba fikom, l-aħwa maħbubin mill-Mulej, għaliex Alla għażilkom biex tkunu l-ewwel frott tal-fidwa bil-qdusija tal-Ispirtu s-Santu u l-fidi fil-verità.

[14]Għal dan Alla sejħilkom permezz tal-Evanġelju tagħna, biex ikollkom sehem fil-glorja ta' Ġesù Kristu.

[15]Mela, l-aħwa, żommu ruħkom wieqfa u sħaħ fit-tradizzjonijiet li intom tgħallimtu sew bil-kelma sew bl-ittra tagħna.

[16]Sidna Ġesù Kristu stess u Alla Missierna, li ħabbna u tana l-kuraġġ ta' dejjem u t-tama sħiħa bil-grazzja,

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

17jqawwilkom qalbkom u jsaħħaħkom f'kull għemil u kelma tajba.

## 2 Tessalonikin 3

### Itolbu għalina

1Mill-bqija, l-aħwa, itolbu għalina biex il-kelma tal-Mulej tiġri l-ġirja tagħha u tkun milqugħa bil-ġieħ bħalma ġara fostkom.

2Itolbu biex inkunu meħlusa minn nies ħżiena u bla liġi. Għax mhux kulħadd għandu l-fidi

3iżda l-Mulej hu fidil; hu jwettaqkom u jħariskom mill-Ħażin.

4Aħna żguri minnkom fil-Mulej, jiġifieri, li intom qegħdin tagħmlu u għad tagħmlu dak li ordnajnielkom.

5Jalla l-Mulej iwassal lil qlubkom għall-imħabba ta' Alla u s-sabar ta' Kristu.

### Tkunux għażżenin

6L-aħwa, fl-isem tal-Mulej Ġesù Kristu nordnawlkom li żżommu ruħkom 'il bogħod mill-aħwa kollha li jgħixu fl-għażż u li mhumiex jimxu skont it-tradizzjoni li ħadtu mingħandna.

7Intom stess tafu kif jeħtieġ li timxu fuq l-eżempju tagħna. Aħna ma tgħażżinniex meta konna fostkom;

8il-ħobż li kilna, ħadd ma tahulna b'xejn; imma lejl u nhar ħdimna u tħabatna u batejna biex ma nkunu ta' piż għal ħadd minnkom.

9Imxejna hekk mhux għax ma għandniex dritt li żżommuna intom, imma ridna nagħtukom eżempju biex timxu fuqu.

10Meta konna fostkom aħna ordnajnielkom li jekk xi ħadd ma jridx jaħdem, dan anqas ma għandu jiekol.

11Issa aħna smajna li hemm xi wħud fostkom li qegħdin jitgħażżnu; mhumiex jaħdmu, imma qed jinħlew fix-xejn.

12Lil dawn in-nies nordnawlhom u nwissuhom, f'isem il-Mulej Ġesù Kristu, biex jaħdmu sewwa u għajxienhom jaqilgħuh.

13U intom, l-aħwa, agħmlu l-ġid bla qatt ma tegħjew.

14Jekk ikun hemm xi ħadd fostkom li ma jagħtix widen għall-kliem li qiegħed ngħidilkom f'din l-ittra, immarkawh u nqatgħu minnu, ħalli jistħi;

15mhux li tħarsu lejh bħala għadu, imma li twiddbuh bħala ħukom.

### Il-barka tal-aħħar


© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

16Jagħtikom is-sliem il-Mulej tas-sliem innifsu dejjem u f'kollox. Il-Mulej magħkom ilkoll.

17Din hi t-tislima tiegħi b'idi stess, Pawlu; din hi l-firma f'kull ittra tiegħi kif nikteb jien.

18Il-grazzja ta' Sidna Ġesù Kristu tkun magħkom ilkoll.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

# 1 Timotju

## 1 Timotju 1

### Tislima

1 Pawlu, appostlu ta’ Kristu Ġesù b’ordni ta’ Alla s-Salvatur tagħna, u ta’ Kristu Ġesù t-tama tagħna,

2 lil Timotju, ibni tassew fil-fidi; grazzja, ħniena u sliem mingħand Alla l-Missier u mingħand Kristu Ġesù Sidna.

### Twissija kontra t-tagħlim ħażin

3 Ibqa’ f’Efesu, bħalma wissejtek jien u sejjer lejn il-Maċedonja, biex tordna lil xi wħud ħalli ma jgħallmux tagħlim ieħor,

4 u anqas ma jiġru wara ħrejjef u ġenealoġiji li ma jispiċċaw qatt, ħwejjeġ li aktar iqanqlu l-kurżità milli jgħinu għall-pjan ta’ Alla li jseħħ bil-fidi.

5 Issa l-iskop ta’ din it-twissija hu l-imħabba li toħroġ minn qalb safja, minn kuxjenza tajba u minn fidi sinċiera.

6 Xi wħud, billi tbiegħdu minn dan, intilfu fi tlablib fieragħ;

7 iridu jagħmluha ta’ għalliema tal-Liġi, bla ma jifhmu x’inhuma jgħidu jew fuqiex qegħdin jinsistu.

8 Issa aħna nafu li l-Liġi hi tajba jekk wieħed jinqeda biha tajjeb;

9 nafu li l-Liġi mhijiex magħmula għal dawk li huma tajbin, imma għal dawk li huma bla liġi u bla rażan, ħżiena u midinbin, bla reliġjon u sagrilegi, qattiela ta’ missirijiethom u ta’ ommijiethom, qattiela,

10 żienja, omosesswali, negozjanti tal-ilsiera, giddieba, dawk li jaħilfu l-falz; u għal dak kollu li jmur kontra t-tagħlim sħiħ.

11 Dan hu li jgħallem l-Evanġelju tal-glorja ta’ Alla l-imbierek, fdat f’idejja.

### Radd il-ħajr għall-ħniena ta’ Alla

12 Niżżi ħajr lil Kristu Ġesù Sidna, li tani l-qawwa għal dan ix-xogħol u li deherlu li kienet tistħoqqli l-fiduċja tiegħu u għamilni ministru tiegħu,

13 lili li qabel kont dagħaj, persekutur u żeblieħi tiegħu. Iżda sibt il-ħniena, għax dak li għamilt għamiltu bla ma kont naf, billi kont għadni bla fidi.

14 Anzi lili l-grazzja ta’ Sidna kienet mogħtija bil-kotra, flimkien mal-fidi u mal-imħabba, li hi fi Kristu Ġesù.

15 Din hija kelma ta’ min jemminha u jilqagħha għalkollox: li Kristu Ġesù ġie fid-dinja biex isalva l-midinbin; u fosthom, lili l-ewwel wieħed.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[16]Iżda jien minħabba f'hekk sibt il-ħniena, biex bija, bħala l-ewwel wieħed,
Kristu Ġesù juri s-sabar kollu tiegħu, b'eżempju għal dawk li kienu għad iridu
jemmnu fih biex ikollhom il-ħajja ta' dejjem.

[17]Lis-Sultan ta' dejjem, li ma jmutx u li ma jidhirx, lil Alla waħdu, ġieħ u glorja
għal dejjem ta' dejjem! Ammen.

[18]Din hi, Timotju, ibni, l-ordni li nħallilek f'idejk skont il-profeziji li saru fuqek
sa minn qabel; biex bis-saħħa tagħhom tidħol bil-qawwa għat-taqbida t-tajba,

[19]b'fidi u b'kuxjenza tajba. Xi wħud, għax warrbu l-kuxjenza, tfarrku fil-fidi.

[20]Fosthom hemm Imeni u Alessandru, li jien ħallejthom f'idejn ix-Xitan biex
jitgħallmu ma jeħduhiex kontra Alla.

## 1 Timotju 2

### It-talb pubbliku

[1]Nitolbok l-ewwel nett li jsiru suppliki, orazzjonijiet, talb u radd il-ħajr għall-
bnedmin kollha;

[2]għas-slaten, għal dawk kollha li għandhom xi awtorità, biex inkunu nistgħu
ngħaddu ħajja fil-kwiet u fis-sliem, fit-tjieba u kif jixraq.

[3]Dan hu tajjeb u jogħġob lil Alla s-Salvatur tagħna,

[4]li jrid li l-bnedmin kollha jsalvaw u jaslu biex jagħrfu l-verità.

[5]Għax wieħed hu Alla, u wieħed hu l-medjatur bejn Alla u l-bniedem, il-Bniedem
Kristu Ġesù,

[6]li ta lilu nnifsu bħala prezz tal-fidwa għal kulħadd; u x-xhieda ta' dan ngħatat
f'waqtha.

[7]Hu għal dan li jien kont magħmul xandar u appostlu - qiegħed ngħid is-sewwa,
m'iniex nigdeb - biex ngħallem lill-ġnus il-fidi u l-verità.

[8]Nixtieq li l-irġiel jitolbu kullimkien, jerfgħu 'l fuq idejn safja bla għadab u bla
ġlied.

[9]Hekk ukoll nixtieq li n-nisa jiżżejnu bi lbies xieraq, bil-modestja u bl-għaqal,
mhux b'xagħarhom midfur, anqas bid-deheb jew ġawhar jew ilbies lussuż,

[10]imma bl-għemil it-tajjeb, kif jixraq lil nisa li jridu jkunu twajbin.

[11]Il-mara għandha toqgħod titgħallem bil-kwiet u bl-umiltà kollha.

[12]Ma nħalli qatt li mara tgħallem jew li taħkem fuq ir-raġel; hi għandha toqgħod
fis-skiet.

[13]Għax Adam ġie magħmul l-ewwel, imbagħad Eva.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

14U ma kienx Adam li safa mqarraq; kienet il-mara li, wara li kienet imqarrqa, waqgħet fil-ħtija.

15Madankollu hi ssalva bil-maternità tagħha sakemm tibqa' tgħix fil-fidi, fl-imħabba, fil-qdusija u fil-modestja.

# 1 Timotju 3

### L-għażla tal-isqof

1Din hi kelma ta' min joqgħod fuqha: min jixtieq ix-xogħol ta' isqof jixtieq xogħol sabiħ.

2Jeħtieġ, imma, li l-isqof ikun bniedem li ma ssibx xi tgħid fih; li jkun raġel ta' mara waħda; li jkun meqjus, prudenti, serju; li jilqa' l-barranin, jaf jgħallem;

3li ma jkunx mogħti għax-xorb; li ma jkunx vjolenti, imma ġwejjed; li ma jkunx ġellied, anqas rgħib għall-flus;

4li jkun raġel jaf imexxi tajjeb id-dar tiegħu; u li jżomm lil uliedu fl-ubbidjenza bir-rispett kollu.

5Għax jekk wieħed ma jkunx jaf imexxi 'l daru stess, kif jista' jieħu ħsieb il-Knisja ta' Alla?

6Ma għandux ikun wieħed li għadu kif tgħammed, li ma jmurx jimtela bih innifsu u hekk jaqa' fil-kundanna tax-xitan.

7Għandu jkollu wkoll isem tajjeb mal-barranin, li ma jaqax fl-għajb u jaqa' fix-xibka tax-Xitan.

### L-għażla tad-djakni

8Hekk ukoll id-djakni: għandhom ikunu nies serji, li ma jilagħbux bil-kliem, ma jkunux mogħtija żżejjed għall-inbid, anqas għall-qligħ baxx tal-flus;

9għandhom iżommu sħiħ il-misteru tal-fidi b'kuxjenza safja.

10Dawn ukoll għandhom l-ewwel jgħaddu mill-prova; imbagħad, jekk wieħed ma jsib xejn xi jgħid fihom, ikunu jistgħu jaqdu bħala djakni.

11Hekk ukoll in-nisa tagħhom għandhom ikunu serji, ma jqassux fuq l-oħrajn, ikunu meqjusa fl-imġiba tagħhom u ta' min jafdahom f'kollox.

12Id-djakni jkunu rġiel li ma jkunux miżżewġin ma' aktar minn mara waħda, u li jkunu jafu jmexxu 'l uliedhom u 'l djarhom sewwa.

13Għax dawk li jaqdu dmirhom sewwa bħala djakni jiksbu ġieħ għoli għalihom infushom u fiduċja kbira fil-fidi li hi fi Kristu Ġesù.

### Il-misteru tar-reliġjon tagħna

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

14Qiegħed niktiblek dan, għalkemm għandi tama qawwija li ma ndumx ma niġi
għandek.

15Imma biex, jekk indum ma niġi, tkun taf kif wieħed għandu jġib ruħu fid-dar
ta' Alla, li hi l-Knisja ta' Alla l-ħaj, kolonna u pedament tal-verità.

16Bla ebda dubju, kbir hu l-misteru tar-reliġjon tagħna: Hu deher fil-ġisem, kien
iġġustifikat bl-Ispirtu, deher lill-anġli, ixxandar fost il-pagani, emmnuh fid-
dinja, ittieħed fil-glorja.

## 1 Timotju 4

### L-għalliema foloz

1L-Ispirtu jgħidha ċar li fl-aħħar taż-żminijiet xi wħud jitbiegħdu mill-fidi u
jagħtu widen għal spirti qarrieqa u għal tagħlim tax-xjaten.

2Dawn jisfaw mqarrqa minn nies giddieba, li għandhom il-marka tal-ħażen fuq
il-kuxjenza tagħhom;

3bħal dawk li jikkundannaw iż-żwieġ u ma jridux li jittiekel ikel li Alla ħalqu
biex jittieħed b'radd il-ħajr minn dawk li ħaddnu l-fidi u li waslu għat-tagħrif
sħiħ tal-verità.

4Kulma ħalaq Alla hu tajjeb. Xejn ma għandu jitwarrab minn dak li jista'
jittieħed b'radd ta' ħajr,

5ladarba tqaddes bil-kelma ta' Alla u bit-talb.

### Il-ministru tajjeb ta' Kristu Ġesù

6Meta inti tagħti tagħlim bħal dan lill-aħwa, tkun qaddej tajjeb ta' Kristu Ġesù,
imrawwem fil-kliem tal-fidi u fit-tagħlim tajjeb li miegħu mxejt.

7Tagħtix kas ta' dawk il-ħwejjeġ fiergħa li jgħoddu biss għan-nisa xjuħ. Tħarreġ
fit-tjieba.

8It-taħriġ tal-ġisem ftit jiswa, waqt li t-tjieba tiswa għal kollox billi fiha għandha
l-wegħda tal-ħajja ta' issa u ta' dik li għad trid tiġi.

9Din hi kelma ta' min jemminha u jilqagħha għalkollox;

10hu għal dan l-għan li aħna nitħabtu u nitqabdu, għax it-tama tagħna hi f'Alla
l-ħaj, li hu s-Salvatur tal-bnedmin kollha, l-aktar ta' dawk li jemmnu.

11Dan ordna u dan għallem.

12Qis li ħadd ma jmaqdrek għax inti żagħżugħ; kun ta' eżempju għal dawk li
jemmnu, fi kliemek u fl-imġiba tiegħek, fl-imħabba, fil-fidi, fis-safa.

13Sa ma niġi, ħu ħsieb il-qari tal-Kotba Mqaddsa, it-twissijiet u t-tagħlim.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

14Tinsiex il-grazzja li għandek fik, li kienet mogħtija lilek bis-saħħa tal-kliem tal-profezija u bit-tqegħid tal-idejn tal-presbiteri fuqek.

15Dawn il-ħwejjeġ ħu ħsiebhom, agħti ruħek għalihom, biex kulħadd jara li int miexi ’l quddiem.

16Għasses fuqek innifsek u fuq it-tagħlim tiegħek; żomm sħiħ f’dawn il-ħwejjeġ, għax, jekk tagħmel hekk, issalva lilek innifsek u lil dawk li jisimgħuk.

## 1 Timotju 5

### Dmirijiet tal-insara lejn xulxin

1Lil min hu mdaħħal fiż-żmien tiħdux bl-aħrax, imma wissih qisu missierek. Iż-żgħażagħ imxi magħhom bħal aħwa;

2imxi man-nisa mdaħħlin fiż-żmien bħallikieku ommijiet, u man-nisa żgħażagħ bħallikieku ħutek, bis-safa kollu.

3Weġġaħ lir-romol li huma romol tassew.

4Jekk mara armla għandha l-ulied jew ulied uliedha, dawn għandhom jitgħallmu l-ewwel jagħmlu dmirhom billi jġibu rispett lill-familja tagħhom u jroddu lill-ġenituri tagħhom dak li ħaqqhom; għax dan jogħġob lil Alla.

5Dik imbagħad li hi tassew armla u ma għandha ’l ħadd, tqiegħed it-tama f’Alla u tgħaddi jiemha fit-talb u fl-orazzjoni lejl u nhar;

6imma dik li ħsiebha fix-xalar, għalkemm hi ħajja, hija mejta.

7Dan kollu għidhulhom, biex ikunu nies li ħadd ma jsib xejn xi jgħid fihom.

8Jekk xi ħadd ma jiħux ħsieb niesu, l-aktar dawk tal-familja tiegħu, dan ċaħad il-fidi u hu agħar minn wieħed li ma jemminx.

9Biex armla tkun magħduda fl-ordni tan-nisa romol ma jridx ikollha inqas minn sittin sena; trid tkun mara ta’ raġel wieħed

10u tkun tat xhieda tal-imġiba tajba tagħha: li tkun rabbiet sewwa ’l uliedha, laqgħet il-barranin, ħaslet riġlejn l-aħwa qaddisin, għenet ’il dawk li huma mħabbta, u tkun tat ruħha għal kull għemil tajjeb.

11Imma nisa romol żgħażagħ warrabhom, għax meta jixegħlu b’xewqat li jaqtgħuhom minn Kristu, huma jagħtihom li jiżżewġu,

12u hekk jaqgħu fil-kundanna, għax ikunu kisru l-ewwel wegħda.

13Barra minn dan, jidraw fl-għażż u joqogħdu jiġġerrew minn dar għal oħra; u jsiru mhux biss għażżiena, imma wkoll paċpaċa u fiergħa, u jħollu lsienhom fuq dak li ma għandhomx jgħidu.


© 2020 Malta Bible Society.

14Għalhekk in-nisa li jormlu żgħażagħ irridhom jerġgħu jiżżewġu, inisslu l-ulied
u jkollhom dar x'imexxu; u li lill-għadu ma jagħtuh ebda okkażjoni ta' tmaqdir.

15Għax hemm xi wħud minnhom li ġa ħarġu barra mit-triq għal wara x-Xitan.

16Jekk mara li temmen għandha magħha xi nisa romol, tgħinhom hi, u mhux
titgħabba bihom il-knisja, biex il-knisja tgħin lil dawk li huma romol tassew.

### Il-presbiteri

17Il-presbiteri, li jmexxu sewwa, ikun jistħoqqilhom ġieħ għal darbtejn, l-aktar
dawk li jagħmlu x-xogħol tax-xandir tal-kelma u tat-tagħlim.

18Għax l-Iskrittura tgħid: "La tqigħedx sarima ma' ħalq il-gendus li jidres", u
wkoll: "Il-ħaddiem ħaqqu ħlasu".

19Qatt tilqa' akkuża kontra presbiteru jekk mhux fuq ix-xhieda ta' tnejn jew
tlieta min-nies.

20Lil dawk li jiżbaljaw wissihom quddiem kulħadd, biex l-oħrajn jibżgħu.

21Inwissik bil-qawwa kollha quddiem Alla u Kristu Ġesù, u quddiem l-anġli
magħżula, biex iżżomm tajjeb dawn il-ħwejjeġ kollha bla ma tħares lejn wiċċ
ħadd u bla ma tixxaqleb lejn ħadd.

22Tkunx ħafif biex tqiegħed idejk fuq dak li jkun; tisseħibx fid-dnubiet ta'
ħaddieħor; żomm ruħek safi!

23Tixrobx ilma biss, imma ħu ftit inbid, għax jagħmillek tajjeb għall-istonku u l-
mard tiegħek ta' spiss.

24Hemm xi wħud li dnubiethom huma magħrufa sa minn qabel ma jsir ħaqq
minnhom; oħrajn, iżda, dnubiethom jingħarfu wara.

25Hekk ukoll jintgħarfu l-għemejjel it-tajba; u saħansitra dawk li m'humiex
magħrufa, ma jistgħux jibqgħu moħbija.

## 1 Timotju 6

### L-Ilsiera

1Dawk li huma lsiera taħt il-madmad iqisu lis-sidien tagħhom bħala nies li
jistħoqqilhom kull ġieħ, biex ma jkunux imkasbra l-isem ta' Alla u t-tagħlim.

2Dawk imbagħad li s-sidien tagħhom jemmnu ma għandhomx b'daqshekk
jonqsuhom għax huma aħwa; anzi għandhom jaqduhom aħjar, għall-ħsieb li
dawk li għalihom qegħdin jaħdmu huma nies li jemmnu u għeżież.

### It-tagħlim falz u l-ġid veru

Dan għallem u wissi.


© 2020 Malta Bible Society.

3Min jgħallem ħaġa oħra, min ma joqgħodx għall-kliem li jwettaq ta’ Sidna Ġesù
Kristu u għat-tagħlim skont it-tjieba,

4dan ikun supperv u ma jkun jaf xejn, marid bil-marda tat-tilwim u kliem li ma
jġibx ħlief għira u ġlied, tkasbir u suspetti ħżiena;

5u tilwim bejn nies ta’ moħħhom maqlub u nieqsa mill-verità; u mingħalihom
it-tjieba qiegħda għal qligħ il-flus.

6It-tjieba fiha qligħ kbir, tassew, għal min hu kuntent b’dak li għandu;

7għax aħna xejn ma ġibna fid-dinja, u xejn ma nistgħu nieħdu magħna;

8sakemm għandna x’nieklu u x’nilbsu, dan għandu jkun biżżejjed għalina.

9Imma dawk li jridu jistagħnew jaqgħu fit-tiġrib u fix-xibka u f’ħafna xewqat bla
sens u ta’ ħsara li jitfgħu lill-bnedmin fil-qerda u t-telfien.

10Għax ir-regħba għall-flus hi l-għerq ta’ kull ħażen; kien ħtija ta’ din ir-regħba
li xi wħud ħarġu barra mit-triq tal-fidi u nfnew b’niket kbir.

### Twissijiet lil Timotju

11Imma int, bniedem ta’ Alla, aħrab dan kollu; fittex li jkollok il-ġustizzja, it-
tjieba, il-fidi, l-imħabba, is-sabar, il-ħlewwa.

12Tqabad it-taqbida t-tajba tal-fidi; qis li tirbaħ il-ħajja ta’ dejjem li għaliha kont
imsejjaħ u li tagħha għamilt l-istqarrija sabiħa quddiem ħafna xhieda.

13Inwissik quddiem Alla li jagħti l-ħajja lill-ħlejjaq kollha, u quddiem Kristu
Ġesù li xehed u għamel l-istqarrija sabiħa quddiem Ponzju Pilatu.

14Inwissik biex tħares l-istruzzjonijiet li rċevejt u żżomm ruħek bla tebgħa u bla
ħtija sa jum id-dehra ta’ Sidna Ġesù Kristu,

15li għad juriha f’waqtha. Dak li hu l-hieni u waħdu setgħani, is-Sultan tas-slaten
u s-Sid tas-sidien,

16li hu biss ma jmut qatt u jgħammar f’dawl li ħadd ma jista’ jersaq lejh, hu li
ebda bniedem qatt ma rah u anqas qatt jista’ jarah. Lilu ġieħ u setgħa għal
dejjem! Ammen.

### L-għonja nsara

17Lil dawk li huma għonja bil-ġid ta’ din l-art widdibhom biex ma jitkabbrux u
ma jqegħdux it-tama tagħhom f’għana li ma tistax torbot fuqu, imma li
għandhom jittamaw f’Alla li jagħtina kollox bix-xaba’ biex ingawdu bih;

18għidilhom jagħmlu l-ġid, jistagħnew b’opri tajba, li jkunu ġenerużi u jaqsmu
mal-oħrajn.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

19Hekk ikunu qegħdin jaħżnu għalihom infushom teżor sabiħ għal li ġej, biex
bih jiksbu l-ħajja, il-ħajja vera.

### L-aħħar kelma

20Timotju, ħares sewwa dak li kien fdat f'idejk. Aħrab il-kliem profan u fieragħ
u l-kontradizzjonijiet tal-għerf falz,

21li xi wħud ħaddnuh u tbiegħdu mill-fidi. Il-grazzja magħkom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

# 2 Timotju

## 2 Timotju 1

### Tislima

1Pawlu, bir-rieda ta' Alla appostlu ta' Kristu Ġesù, skont il-wegħda tal-ħajja li hi
fi Kristu Ġesù,

2lil Timotju, ibni l-għażiż: grazzja, ħniena u sliem mingħand Alla l-Missier u
mingħand Kristu Ġesù Sidna.

### Fedeltà lejn l-Evanġelju

3Irrodd ħajr lil Alla, li lilu nqim b'kuxjenza safja bħal missirijieti, hekk kif
niftakar fik bla heda fit-talb tiegħi lejl u nhar.

4Meta niftakar fid-dmugħ tiegħek għalija, tiġini x-xewqa li narak, biex nimtela
bil-ferħ.

5Niftakar fil-fidi vera tiegħek, fidi li l-ewwel kienet ta' nanntek Lojd u mbagħad
ta' ommok Ewniki, u li ma għandi ebda dubju li hi fik ukoll.

6Minħabba f'hekk infakkrek biex tqajjem fik id-don ta' Alla, li jinsab fik bit-
tqegħid ta' idejja;

7għax Alla ma taniex spirtu ta' biża', imma Spirtu ta' qawwa, ta' mħabba u ta'
rażan.

8Mela tistħi xejn minħabba fix-xhieda għal Sidna, anqas minħabba fija,
priġunier tiegħu, imma aqsam miegħi t-tbatija għall-Evanġelju, u afda fil-
qawwa ta' Alla,

9li salvana u sejħilna b'sejħa qaddisa, mhux għax qies l-għemejjel tagħna, imma
skont il-pjan tiegħu stess u skont il-grazzja tiegħu. Din il-grazzja tahielna qabel
iż-żmien tal-eternità fi Kristu Ġesù,

10imma dehret issa permezz tad-dehra tas-Salvatur tagħna Kristu Ġesù li qered
il-mewt, u dawwal il-ħajja bla tmiem permezz tal-Evanġelju,

11li għalih jien kont magħmul predikatur, appostlu u mgħallem.

12Din hi l-kawża li għaliha qiegħed inbati. Imma b'daqshekk ma nistħix, għax
jien naf f'min emmint, u naf sewwa li hu jista' jħares it-teżor li kien fdat f'idejja,
sa ma jasal dak il-Jum.

13Żomm quddiem għajnejk l-eżempju tat-tagħlim sħiħ li smajt mingħandi, fil-
fidi u fl-imħabba li huma fi Kristu Ġesù.

14Hares bl-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu li jgħammar fina t-teżor sabiħ li kien
fdat f'idejk.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

15Kif inti taf, dawk kollha li joqogħdu l-Asja telquni, fosthom Figellu u Ermoġeni.

16Il-Mulej ikollu ħniena mill-familja ta' Onesiforu, li sikwit sibtu ta' faraġ għalija: hu ma staħax mill-ktajjen tiegħi,

17imma meta wasal Ruma fittixni bil-ħrara sa ma sabni.

18Il-Mulej jagħtih il-grazzja li jsib ħniena quddiem il-Mulej f'dak il-Jum. Inti taf aħjar minni kemm għenni f'Efesu.

## 2 Timotju 2

### Is-suldat ta' Kristu

1Int mela, ibni, qawwi ruħek fil-grazzja li hi fi Kristu Ġesù,

2u kulma smajt mingħandi quddiem ħafna xhieda, għaddih lil nies ta' fiduċja, li huma stess ikollhom il-ħila jgħallmuh ukoll lil oħrajn.

3Bati inti wkoll miegħi bħala suldat tajjeb ta' Kristu Ġesù.

4Ebda suldat taħt l-armi, jekk irid jogħġob lil min daħħlu fis-servizz, ma jindaħal f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħajja ċivili.

5Hekk ukoll l-atleta ma jiħux il-premju jekk ma jkunx mexa skont ir-regoli.

6Il-bidwi li jitħabat għandu jkun l-ewwel wieħed li jieħu mill-frott.

7Ifhem x'qiegħed ngħidlek; il-Mulej jagħtik li tifhem kollox.

8Ftakar f'Ġesù Kristu, li qam mill-imwiet, li hu min-nisel ta' David, skont l-Evanġelju li ħabbart jien.

9Għalih jien qiegħed inbati sa l-irbit tal-ktajjen bħallikieku għamilt xi delitt. Imma l-kelma ta' Alla mhijiex marbuta.

10Għalhekk kollox nieħu bis-sabar għall-imħabba ta' dawk li Alla għażel, biex huma wkoll jiksbu s-salvazzjoni, li hi ta' glorja għal dejjem fi Kristu Ġesù.

11Din hi kelma ta' min joqgħod fuqha: Jekk aħna mitna miegħu, għad ngħixu miegħu wkoll;

12jekk insofru bis-sabar, għad insaltnu miegħu wkoll; jekk niċħduh, jiċħadna hu wkoll;

13jekk nonqsu mill-kelma li tajna, hu jibqa' jżomm kelmtu; għax hu ma jistax iqarraq bih innifsu.

### Il-ħaddiem imħarreġ


© 2020 Malta Bible Society.

14F'dan fakkarhom u widdibhom sewwa quddiem Alla, li ma joqogħdux jintilfu fi kwistjonijiet dwar kliem li ma jiswa għal xejn ħlief biex jagħmel il-ħsara lil min jisimgħu.

15Agħmel mill-aħjar biex iġġib ruħek quddiem Alla, bħala bniedem li għadda mill-prova, bħala ħaddiem li m'għandux mniex jistħi, li jxandar bir-reqqa l-kelma tal-verità.

16Aħrab it-tpaċpiċ fieragħ u ħażin, għax dawk li jitkellmu hekk jibqgħu sejrin mill-ħażin għall-agħar

17u kliemhom jinfirex bħal kankrena. Minn dawn huma Imeni u Filetu,

18li tbiegħdu mill-verità għax qegħdin jgħidu li l-qawmien mill-imwiet ġa sar u qegħdin iħawdu l-fidi f'xi wħud.

19Imma s-sies qawwi, li Alla qiegħed, iżomm sħiħ, u fuqu għandu dan is-siġill: "Il-Mulej jagħraf dawk li huma tiegħu", u wkoll: "Ħa jitwarrab mill-ħażen kull min isejjaħ isem il-Mulej".

20F'dar kbira ma hemmx biss tagħmir tad-deheb u l-fidda, imma wkoll tal-għuda u tal-fuħħar; u xi wħud minnhom ninqdew bihom għal għan ta' ġieħ, oħrajn għal għan bla ġieħ.

21Jekk wieħed jissaffa minn dawn il-ħwejjeġ, huwa jsir biċċa tagħmir għal għan ta' ġieħ, tagħmir imqaddes, ta' siwi għal sidu, imħejji għal kull għemil tajjeb.

22Aħrab il-ġibdiet taż-żgħożija; fittex bil-ħerqa s-sewwa, il-fidi, l-imħabba u s-sliem, flimkien ma' dawk li jsejħu 'l-Mulej b'qalb safja.

23Tindaħalx fi kwistjonijiet boloh u bla għaqal, għax taf li dawn iġibu l-ġlied.

24Min hu qaddej tal-Mulej m'għandux joqgħod jitlewwem; imma għandu jkun ħlejju ma' kulħadd, jinqala' biex jgħallem, kollu sabar;

25iwiddeb bil-ħlewwa lil dawk li ma jaqblux miegħu; għandu mnejn Alla jagħtihom l-indiema, u hekk jagħrfu l-verità u jiġu f'sensihom,

26u jeħilsu mix-xbiek tax-Xitan li kien qabadhom taħt idejh biex jagħmlu r-rieda tiegħu.

## 2 Timotju 3

### In-nies tal-aħħar żmien

1Dan għandek tkun taf: li l-aħħar tad-dinja jkun żmien iebes.

2Il-bnedmin jingħataw għall-imħabba tagħhom infushom u tal-flus; faħħarin, suppervi, dgħajja, ma jisimgħux mill-ġenituri; bla gratitudni, bla tjieba;


© 2020 Malta Bible Society.

3bla qalb, bla ħniena, lablaba, bla rażan; kiefra, bla mħabba għat-tajjeb;

4tradituri, bla ħsieb, minfuħa bihom infushom; iħobbu aktar il-pjaċir milli 'l
Alla;

5nies li jiċħdu l-qawwa tat-tjieba, minkejja li minn barra jagħmluha ta' tajbin.
Nies bħal dawn aħrabhom.

6Għax fosthom hemm xi wħud li jindiehsu fil-familji u jaħkmu taħt idejhom nisa
msejkna mgħobbijin bid-dnubiet u mkaxkrin minn kull xorta ta' xewqat,

7li dejjem lesti biex jitgħallmu, imma li qatt ma jseħħilhom jaslu biex jagħrfu l-
verità.

8Bħalma Ġannes u Ġambri waqfu lil Mosè, hekk ukoll dawn jieqfu lill-verità;
huma nies ta' moħħ mgħawweġ u ta' fidi mħassra.

9Iżda mhumiex se jimxu aktar 'il quddiem, għax kulħadd għad isir jaf bil-bluha
tagħhom, kif ġara minn dawk it-tnejn.

**L-aħħar twissijiet lil Timotju**

10Imma inti mxejt warajja fit-tagħlim tiegħi, fl-imġiba tiegħi, fil-pjan u t-
twemmin tiegħi; fis-sabar, fl-imħabba u fil-perseveranza tiegħi;

11fil-persekuzzjonijiet u t-tbatijiet li ġew fuqi f'Antijokja, f'Ikonju u f'Listra.
X'persekuzzjonijiet għaddejt minnhom! Iżda ħelisni l-Mulej minnhom kollha.

12U dawk li jridu jgħixu ħajja tajba fi Kristu Ġesù lkoll jgħaddu mill-
persekuzzjoni.

13Imma n-nies il-ħżiena u l-uċuħ b'oħra jmorru mill-ħażin għall-agħar, iqarrqu
u jitqarrqu.

14Imma int ibqa' miexi f'dak li tgħallimt u emmint bis-sħiħ, għax taf mingħand
min tgħallimtu,

15u għax sa minn żgħoritek sirt midħla tal-Kotba Mqaddsa, li jistgħu jagħtuk l-
għerf li jwassal għas-salvazzjoni permezz tal-fidi fi Kristu Ġesù.

16L-Iskrittura kollha hija mnebbħa minn Alla, u tiswa biex wieħed jgħallem,
iċanfar, iwiddeb u jrawwem fis-sewwa,

17biex hekk il-bniedem ta' Alla jkun perfett, imħejji għal kull ħidma tajba.

## 2 Timotju 4

1Nitolbok bil-ħerqa, quddiem Alla u Kristu Ġesù, li għandu jagħmel ħaqq mill-
ħajjin u mill-mejtin, f'isem id-Dehra tiegħu u s-Saltna tiegħu:

2xandar il-kelma, insisti f'waqtu u barra minn waqtu, ċanfar, widdeb, wissi, bis-
sabar kollu u bit-tagħlim.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

3Għax għad jiġi żmien meta għat-tagħlim tajjeb ma jibqgħalhomx sabar, anzi widnejhom jikluhom, għad jiġbru madwarhom qabda mgħallmin skont ma jixtiequ,

4u jwarrbu widnejhom mis-sewwa biex jiġġerrew wara l-ħrejjef.

5Imma int oqgħod dejjem b'għajnejk miftuħa, stabar fit-tiġrib, agħmel ħidma ta' evanġelista, aqdi sewwa l-ministeru tiegħek.

6Ngħid għalija, demmi ġa mxerred b'sagrifiċċju, u żmien it-tluq tiegħi wasal.

7Tqabadt it-taqbida t-tajba, temmejt il-ġirja, ħarist il-fidi.

8Mill-bqija hemm merfugħa għalija l-kuruna tal-ġustizzja, li biha f'dak il-Jum iħallasni l-Mulej, l-Imħallef ġust, u mhux lili biss, imma wkoll lil dawk kollha li jkunu għexu fl-imħabba tad-Dehra tiegħu.

**Rakkomandazzjonijiet**

9Fittex ejja ħdejja malajr.

10Dema ħabb aktar lid-dinja, u ħallieni, u mar it-Tessalonika; Krexxens mar il-Galazja, Titu d-Dalmazja.

11Luqa waħdu baqa' miegħi. Hu 'l Marku u ġibu miegħek, għax hu jiswieli ħafna għall-ministeru.

12Lil Tikiku bgħattu Efesu.

13Meta tiġi, ġibli miegħek il-mantar li jien ħallejt fi Troas għand Karpu; ġib ukoll il-kotba, l-aktar il-parċmini.

14Alessandru l-brunżar għamilli ħafna ħsara; il-Mulej iħallsu skont ma għamel.

15Oqgħod attent minnu int ukoll, għax huwa fixkel ħafna l-kliem tagħna.

16Fl-ewwel difiża tiegħi ħadd ma kien miegħi; kulħadd ħallieni. Jalla ma jkunx magħdud kontrihom!

17Imma l-Mulej waqaf miegħi u tani l-qawwa biex bis-saħħa tiegħi l-kelma tixxandar sal-aħħar u l-ġnus kollha jisimgħuha. Hekk jien sfajt meħlus minn ħalq l-iljun.

18Il-Mulej jeħlisni minn kull deni u jħarisni, sa ma nasal fis-saltna tiegħu tas-sema. Glorja lilu għal dejjem ta' dejjem! Ammen.

19Sellili għal Priska u għal Akwila u għall-familja ta' Onesiforu.

20Erastu baqa' Korintu, u 'l Trofimu ħallejtu marid f'Miletu.

21Fittex ejja qabel ma tidħol ix-xitwa. Isellu għalik Ewbolu, Pudens, Linu, Klawdja u l-aħwa kollha.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

22Il-Mulej miegħek. Il-grazzja magħkom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

# Titu

## Titu 1

### Tislima

1Jiena Pawlu, qaddej ta' Alla, u appostlu ta' Ġesù Kristu biex immexxi l-maħturin ta' Alla fil-fidi u nwassalhom għat-tagħrif tal-verità li twassal għat-tjieba,

2bit-tama tal-ħajja ta' dejjem. Alla, li ma jigdibx, wegħedhielna sa minn qabel iż-żminijiet,

3u meta wasal il-waqt irrivelahielna bil-kelma tiegħu permezz tal-predikazzjoni li kienet fdata lili skont l-ordni ta' Alla, is-Salvatur tagħna.

4Qiegħed nikteb lil Titu, ibni veru fil-fidi tagħna lkoll: lilu grazzja u sliem mingħand Alla l-Missier u mingħand Kristu Ġesù s-Salvatur tagħna.

### Ix-xogħol ta' Titu fi Kreta

5Għalhekk jiena ħallejtek fi Kreta, biex tqassam kollox bl-ordni, u biex taħtar presbiteri f'kull belt, skont ma ordnajtlek.

6Kull min ikun maħtur ma għandu jkollu xejn x'wieħed jgħid fih; ikun raġel ta' mara waħda, u jkollu wliedu jemmnu, bla ma ħadd jista' jixlihom bi mġiba żienja jew bla rażan.

7L-isqof, bħala amministratur ta' Alla, għandu jkun bniedem li ħadd ma jista' jgħid xejn fih; ma għandux ikun mimli bih innifsu, ma jinkurlax malajr, ma jkunx mogħti għax-xorb, ma jkunx ġellied jew rgħib;

8imma jkun bniedem li jilqa' 'l-barranin, iħobb it-tajjeb, meqjus, ġust, qaddis, irżin;

9bniedem li jżomm sħiħ mal-kelma ta' min jemminha, biex ikun jista' jqawwi qalb l-oħrajn bid-duttrina sħiħa u jwiddeb lil min imieri.

10Għax hemm ħafna minn dawk li ma jridux joqogħdu għal ħaddieħor, li jitkellmu fil-vojt u li jqarrqu bl-oħrajn; issibhom l-aktar fost dawk min-naħa tal-Lhud.

11Dawn jeħtiġilhom jitrażżnu, għax qegħdin jaqilbu ta' taħt fuq familji sħaħ, billi għal qligħ baxx jgħallmu ħwejjeġ li ma jmisshomx jgħallmuhom.

12Wieħed minnhom, poeta tagħhom stess, qal: "In-nies ta' Kreta dejjem giddibin, bhejjem qliel, żaqqiqin u għażżenin."

13Din ix-xhieda hi minnha. Għalhekk għandek teħodhom bl-iebes, biex iżommu sħiħ fil-fidi


© 2020 Malta Bible Society.

14u ma jagħtux widen għall-ħrejjef tal-Lhud u għall-ordnijiet ta' nies li warrbu
l-verità minn quddiem għajnejhom.

15Kollox hu safi għal min hu safi; imma għal dawk li huma mħassrin u li ma
jemmnux, xejn ma hu safi; sa moħħhom u l-kuxjenza tagħhom huma mħassra.

16Jistqarru li jagħrfu lil Alla, biex imbagħad bl-għemil tagħhom jiċħduh; huma
nies ta' min jistmerrhom, rashom iebsa, u ma jinqalgħu għal xejn tajjeb.

## Titu 2

### Tagħlim sod

1Int, iżda, għallem skont id-duttrina sħiħa:

2Li x-xjuħ ikunu trankwilli, għaqlin, serji, meqjusa, sħaħ fil-fidi, fl-imħabba u fis-
sabar.

3L-istess in-nisa xjuħ: għandhom iġibu ruħhom kif jixraq lil nisa qaddisa; ma
jqassux fuq ħaddieħor, anqas ikunu lsiera tal-inbid; għandhom jgħallmu t-
tajjeb,

4biex hekk idarru n-nisa żgħażagħ iħobbu lil żwieġhom u lil uliedhom;

5ikunu meqjusa, safja, nisa tad-dar, twajba, ubbidjenti għal żwieġhom, ħalli l-
kelma ta' Alla ma titkasbarx.

6Hekk ukoll ħeġġeġ liż-żgħażagħ biex ikunu meqjusa.

7Qis li inti nnifsek tkun f'kollox mera ta' bniedem li jagħmel it-tajjeb; bniedem
ta' duttrina safja, ta' serjetà;

8li għandu kelma sħiħa li ħadd ma jsib xi jgħid fiha, sabiex kull min jeħodha
kontra tagħna jibqa' mħawwad, billi ma jkollu xejn ħażin xi jgħid fuqna.

9Għid lill-ilsiera biex joqogħdu f'kollox għas-sidien tagħhom, u jfittxu li
jogħġbuhom u ma jmeruhomx;

10ma jwarrbu xejn bil-moħbi, imma juru li huma tassew nies ta' min jafdahom
f'kollox, ħalli f'kollox jagħmlu ġieħ lit-tagħlim ta' Alla, is-Salvatur tagħna.

11Għax dehret il-grazzja ta' Alla, għas-salvazzjoni lill-bnedmin kollha;

12hi trawwimna nwarrbu l-ħażen u l-ġibdiet tad-dinja, biex ngħixu bir-rażna u
l-ġustizzja u t-tjieba f'dan iż-żmien,

13u nistennew it-tama hienja u d-dehra tal-glorja tal-kbir Alla u Salvatur tagħna,
Ġesù Kristu.

14Hu li ta lilu nnifsu għalina biex jifdina minn kull ħażen u jnaddafna u jagħmel
minna poplu magħżul għalih, poplu mħeġġeġ għall-għemil it-tajjeb.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

15Dan li għandek tgħid. Heġġeġ u wissi bis-setgħa kollha; u ħadd ma għandu
jmaqdrek.

## Titu 3

### Id-dmirijiet tal-insara

1Fakkarhom biex joqogħdu għall-maġistrati u għall-awtorità, jobduhom u jkunu dejjem imħejjija għal kull opra tajba;

2biex ma jkasbru ’l ħadd, jaħarbu t-tilwim, ikunu umli, jimxu bil-ħlewwa ma’ kulħadd.

3Għax aħna wkoll konna darba bla moħħ; konna nies li ma jridux jobdu, bnedmin li tilfu t-triq, ilsiera tal-passjonijiet u kull xorta ta’ pjaċiri; konna ngħixu fil-ħażen u fl-għira; konna nies ta’ min jobgħodna u għedewwa ta’ xulxin.

4Iżda meta feġġet it-tjieba ta’ Alla, Salvatur tagħna, u l-imħabba tiegħu għall-bnedmin,

5hu salvana bil-ħasil ta’ twelid ġdid u t-tiġdid tal-Ispirtu s-Santu, mhux minħabba l-opri tajba li stajna għamilna aħna, iżda minħabba l-ħniena tiegħu.

6Dan l-Ispirtu hu sawwbu bil-kotra fuqna b’Ġesù Kristu, is-Salvatur tagħna,

7biex bis-saħħa tal-grazzja tiegħu nitqaddsu u nsiru werrieta tal-ħajja ta’ dejjem skont it-tama li għandna.

8Din hi kelma żgura; u jiena rridek tisħaq fuq dawn il-ħwejjeġ, sabiex dawk li jemmnu f’Alla jieħdu ħsieb li jkunu minn tal-ewwel fl-opri tajba. Dan hu sabiħ u fejjiedi għall-bnedmin.

9Aħrab il-kwistjonijiet fiergħa u l-ġenealoġiji u l-ġlied u t-tilwim fuq il-Liġi. Dawn kollha huma bla fejda u vojta.

10Bniedem li jġib il-firda widdbu darba darbtejn, u mbagħad aħrab minnu.

11Taf int, bniedem bħal dan hu korrott u midneb, ikkundannat minnu nnifsu.

### L-aħħar istruzzjonijiet u tislijiet

12Meta nibgħat għandek lil Artema jew lil Tikiku, fittex ejja ħdejja f’Nikopoli, għax qtajtha li ngħaddi x-xitwa hemmhekk.

13Għin lil Zena, l-avukat, u lil Apollo biex ifittxu jitilqu, u qis li ma jkun jonqoshom xejn.

14In-nies tagħna mbagħad għandhom jitgħallmu jkunu minn ta’ quddiem fl-opri tajba, biex jieħdu ħsieb ta’ kulma hu meħtieġ u ma jgħaddux ħajja bla frott.


© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

15Dawk kollha li hawn miegħi jsellu għalik. Sellili għal ħbiebna fil-fidi. Il-grazzja
magħkom ilkoll.


© 2020 Malta Bible Society.

# Filemon 1

### Tislima

1Pawlu, priġunier ta' Kristu Ġesù u ħija Timotju lil Filemon seħibna l-għażiż fix-xogħol,

2u lil oħtna Appja u lil Arkippu, suldat magħna, u lill-knisja li tinġabar f'darek:

3Grazzja u sliem għalikom mingħand Alla Missierna u Ġesù Kristu.

### Imħabba u fidi

4Niżżi ħajr dejjem lil Alla tiegħi u niftakar fik fit-talb tiegħi.

5Jiena smajt bil-fidi li għandek fil-Mulej Ġesù u l-imħabba tiegħek għall-qaddisin.

6Nitlob li l-fidi li inti taqsam mal-oħrajn ikollha l-qawwa li twassal biex jingħaraf it-tajjeb kollu li hemm fina minħabba fi Kristu.

7Jiena fraħt ħafna u qawwejt qalbi bl-imħabba li għandek; għaliex, ħija, il-qlub tal-qaddisin strieħu fik.

### Pawlu jaqbeż għal Oneżimu

8Għalhekk iktar milli nikkmandak tagħmel li jenħtieġ - kif nista' nagħmel b'wiċċi minn quddiem fi Kristu -

9jiena nitolbok, f'isem l-imħabba; jiena, Pawlu, raġel xwejjaħ, u issa priġunier ta' Kristu Ġesù,

10qiegħed nitolbok bil-ħerqa għal ibni, li jiena nissilt fil-ktajjen, għal Oneżimu,

11dak li darba lilek ma kien jiswielek għal xejn, imma li issa jiswielna, kemm lili u kemm lilek.

12Jiena bgħatthulek lura, lilu, bħallikieku bgħattlek qalbi stess.

13Xtaqt kieku żammejtu miegħi, biex, kif jien fil-ħabs għall-Evanġelju, idur bija minflokok hu.

14Iżda ma ridt nagħmel xejn mingħajr ma nara x'jidhirlek int, biex l-opra tajba tiegħek ma tkunx għamiltha bilfors, imma tkun ħierġa mill-qalb.

15Għandu mnejn li għalhekk hu telaq minn miegħek għal ftit, biex inti terġa' tiksbu lura għal dejjem,

16mhux iktar bħala lsir, imma xi ħaġa iktar minn ilsir, bħala ħuk għażiż; għażiż fuq kollox għalija, imma kemm iktar għalik, skont id-dinja u skont il-Mulej.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

17Int mela, jekk inti qalb waħda miegħi, ilqgħu bħallikieku kont jien!

18Jekk naqsek f'xi ħaġa jew jekk għandu jagħtik, ixħet kollox fuqi.

19B'idi stess qiegħed nikteb: "Jiena, Pawlu, inħallsek" - biex ma ngħidlekx li inti
stess taf lilek innifsek lili.

20Iva, ħija, nitolbok, agħmilli dan il-pjaċir minħabba fil-Mulej. Serraħli qalbi fi
Kristu.

21Ktibtlek għax jiena żgur li int tisma' minni, anzi jiena naf li se tagħmel aktar
minn hekk.

22Fl-istess ħin ħejjili kamra, għaliex nittama li bis-saħħa tat-talb tagħkom nerġa'
ningħata lilkom.

### L-aħħar tislijiet

23Iselli għalikom Epafra priġunier miegħi għal Kristu Ġesù;

24Marku, Aristarku, Dema, Luqa, sħabi fix-xogħol.

25Il-grazzja tal-Mulej Ġesù Kristu tkun magħkom.


© 2020 Malta Bible Society.

# Lhud

## Lhud 1

### Alla tkellem permezz ta' Ibnu

1Alla fl-imgħoddi kellem lil missirijietna ħafna drabi u b'ħafna manjieri
permezz tal-profeti.

2Issa f'dan l-aħħar żmien, huwa kellimna permezz ta' Ibnu, li hu għamlu werriet
ta' kollox, u li bih ukoll għamel il-ħolqien.

3Hu, l-Iben, li hu d-dija tal-glorja ta' Alla u x-xbieha tal-essenza tiegħu, u li
jżomm id-dinja kollha bil-kelma setgħana tiegħu, wara li naddafna minn
dnubietna, qagħad fuq il-lemin tal-kobor ta' Alla fl-għoli tas-smewwiet,

4u b'hekk sar daqshekk aqwa mill-anġli daqs kemm ogħla minn tagħhom hu l-
isem li kiseb.

### L-Iben hu akbar mill-anġli

5 Għax lil min mill-anġli qatt qal Alla: "Inti ibni, jiena llum nissiltek"? Jew: "Jiena
nkun missieru, u hu jkun ibni"?

6Imbagħad, hu u jdaħħal 'l Ibnu l-Kbir fid-dinja, jgħid ukoll: "Ha jqimuh l-anġli
kollha ta' Alla."

7 Għall-anġli tiegħu jgħid: "L-anġli tiegħu jagħmilhom irjieħ, lill-qaddejja tiegħu
ilsna tan-nar."

8 Imma għall-Iben jgħid: "It-tron tiegħek, O Alla, għal dejjem ta' dejjem, ix-xettru
tal-ġustizzja hu x-xettru ta' saltnatek .

9 Habbejt is-sewwa u bgħadt il-ħażen; għalhekk Alla, Alla tiegħek, dilkek b'żejt
ta' ferħ aktar minn sħabek."

10 U wkoll: "Int, Mulej, waqqaft l-art fil-bidu, u għemil idejk huma s-smewwiet.

11 Huma jintemmu, iżda inti tibqa'; huma lkoll bħal libsa jiqdiemu,

12 bħal mantar int tkebbibhom , bħal libsa huma jitbiddlu. Imma int, li int tibqa',
u s-snin tiegħek qatt ma jintemmu".

13 Lil min mill-anġli qatt qal: "Oqgħod fuq il-lemin tiegħi, sa ma nagħmel l-
għedewwa tiegħek mirfes għal riġlejk"?

14M'humiex huma wkoll spirti qaddejja, mibgħutin biex jaqdu lil dawk li
għandhom jiksbu s-salvazzjoni?

## Lhud 2

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

## Is-salvazzjoni l-kbira

1Għalhekk għandna nagħtu ħafna aktar kas ta' dak li smajna, li ma mmorrux
nitbiegħdu 'l barra mit-triq.

2Għax jekk il-kelma li ngħatat permezz tal-anġli kienet tiswa tant li min ma
kienx iħarisha, jew ma kienx joqgħod għaliha, kien jieħu l-ħlas li ħaqqu,

3kif nistgħu neħilsuha aħna jekk inwarrbu salvazzjoni hekk kbira? Din hi
salvazzjoni li ngħatat l-ewwel bil-fomm tal-Mulej stess, u mbagħad wassluha
sħiħa lilna dawk li semgħuh.

4Ma' tagħhom Alla żied ix-xhieda tiegħu b'sinjali u għeġubijiet u ħafna
għemejjel setgħana, u wkoll bid-doni tal-Ispirtu s-Santu mqassmin skont ir-
rieda tiegħu.

## Il-glorja tas-Salvatur

5Id-dinja li għandha tiġi, li fuqha qegħdin nitkellmu, Alla ma qegħedhiex taħt is-
setgħa tal-anġli.

6X'imkien fl-Iskrittura hemm xhieda li tgħid hekk: "X'inhu l-bniedem biex
tiftakar fih, jew bin il-bniedem biex tieħu ħsiebu?

7 Ftit inqas mill-anġli int għamiltu, bil-glorja u l-ġieħ żejjintu,

8 kollox taħt riġlejh qegħedtlu." Issa, meta jgħid li "qiegħed kollox taħt is-setgħa
tiegħu", dan ifisser li xejn ma ħalla li ma jkunx imqiegħed taħtu. Tassew li
għalissa aħna għadna m'aħniex naraw kollox taħt is-setgħa tiegħu.

9Madankollu, lil dak li għal ftit taż-żmien kien imniżżel ftit inqas mill-anġli, lil
Ġesù, aħna issa qegħdin narawh imżejjen fil-glorja u l-ġieħ minħabba fil-mewt
li hu bata, biex, għall-grazzja ta' Alla, il-mewt li daq tkun għall-ġid ta' kulħadd.

10Għax kien jixraq li Alla, li għalih u bih sar kollox, waqt li jwassal ħafna wlied
għall-glorja, jagħmel li l-Awtur tas-Salvazzjoni tagħhom ikun perfett bis-saħħa
tas-sofferenzi.

11Għax kemm dak li jqaddes, u kemm dawk li jiġu mqaddsin, ilkoll huma mill-
istess wieħed. U għalhekk Ġesù ma jistħix isejħilhom ħutu,

12billi jgħid: "Inxandar ismek lil ħuti, f'nofs il-ġemgħa nfaħħrek;"

13u wkoll: "Fih jiena nittama;" u iżjed: "Hawn jien, jien u l-ulied li Alla tani".

14Billi l-ulied għandhom l-istess demm u ġisem, Ġesù wkoll bl-istess mod sar
bħalhom, biex b'mewtu jeqred is-setgħa ta' dak li kellu l-mewt f'idejh, jiġifieri
x-Xitan,

15u jeħles 'il dawk kollha li, minħabba fil-biża' tal-mewt, kienu mjassrin għal
għomorhom kollu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

16Għax tabilħaqq, mhux lill-anġli jrid jgħin, imma lil ulied Abraham.

17Għalhekk kellu jkun jixbah lil ħutu f'kollox, biex ikun il-qassis il-kbir, ħanin u
fidil f'dak li għandu x'jaqsam ma' Alla, u biex ipatti għal dnubiet il-poplu.

18Għax, billi hu stess bata u kien imġarrab, jaf jgħin lil dawk li huma fit-tiġrib.

## Lhud 3

### Ġesù akbar minn Mosè

1Għalhekk, l-aħwa qaddisin, li għandkom sehem fis-sejħa tas-sema, aħsbu
f'Ġesù, l-appostlu u l-qassis il-kbir li aħna nistqarru.

2Hu kien fidil ma' dak li ħatru kif kien ukoll Mosè fid-dar kollha ta' Alla.

3Issa dan Ġesù kien meqjus li jistħoqqlu glorja daqshekk aqwa minn dik ta'
Mosè daqs kemm aktar ħaqqu ġieħ il-bennej mid-dar li jkun bena.

4Għax kull dar jibniha xi ħadd, imma Alla jibni kollox hu.

5Tassew li Mosè kien fidil fid-dar kollha ta' Alla bħala qaddej, u dan għamlu
b'xhieda ta' dak li kien għad irid jgħid Alla.

6Imma Kristu kien fidil fuq id-dar tiegħu bħala iben. U d-dar ta' Alla hi aħna,
kemm-il darba nżommu sħaħ il-fiduċja u t-tama li bihom niftaħru.

### Il-mistrieħ tal-poplu ta' Alla

7Għalhekk, kif jgħid l-Ispirtu s-Santu: "Jekk illum tisimgħu leħnu,

8 la twebbsux qalbkom bħal f'jum l-irvell, jum it-tiġrib fid-deżert,

9 fejn ġarrbuni missirijietkom biex jippruvawni, u raw kulma għamilt jien

10tul erbgħin sena. Għalhekk jien stmerrejtha lil din il-ġenerazzjoni u għedt:
'Dawn dejjem mitlufin f'qalbhom; huma ma għarfux triqati.'

11 Hekk ħlift waqt il-korla tiegħi: Ma jidħlux fil-mistrieħ tiegħi."

12L-aħwa, araw li f'ebda wieħed minnkom ma jkun hemm qalb imħassra bin-
nuqqas ta' twemmin li jwassal għall-firda minn Alla l-ħaj.

13Imma agħmlu l-qalb lil xulxin kull jum, sakemm inkunu għadna nistgħu
ngħidu "illum", biex ħadd minnkom ma jiġġarraf mid-dnub u jwebbes qalbu.

14Għax aħna għandna sehem fi Kristu, jekk inżommu sħiħa sal-aħħar it-tama li
kellna fil-bidu.

15Jingħad fl-Iskrittura: "Jekk illum tisimgħu leħnu, la twebbsux qalbkom bħal
f'jum l-irvell."


© 2020 Malta Bible Society.

16U min huma dawk li semgħu u qamu kontrih? Mhux dawk kollha li ħarġu mill-
Eġittu bis-saħħa ta' Mosè?

17U lil min stmerr għal erbgħin sena? Mhux lil dawk li dinbu, u li l-iġsma
tagħhom waqgħu mejta fid-deżert?

18U għal min ħalef li ma jidħlux fil-mistrieħ tiegħu, jekk mhux għal dawk li ma
ridux jisimgħu?

19Hekk naraw li huma ma setgħux jidħlu minħabba fin-nuqqas ta' twemmin
tagħhom.

## Lhud 4

1Ha jkollna mela l-biża' li, waqt li l-wegħda li nidħlu fil-mistrieħ tiegħu għadha
hemm, ma jkunx hemm xi ħadd minnkom li jibqa' lura.

2Għax aħna wkoll, bħalhom irċevejna l-aħbar it-tajba. Imma lilhom ma
switilhom xejn il-kelma li semgħu, għax meta semgħuha ma emmnux.

3Aħna, li nemmnu, nidħlu fil-mistrieħ, kif qal hu: "Hekk ħlift fl-għadab tiegħi,
'Ma jidħlux fil-mistrieħ tiegħi.' " Madankollu l-għemil ta' Alla kien mitmum fil-
ħolqien tad-dinja,

4kif jingħad x'imkien fl-Iskrittura fuq is-seba' jum: "Strieħ Alla fis-seba' jum
mix-xogħol kollu tiegħu."

5Imbagħad hawn jgħid ukoll, "Ma jidħlux fil-mistrieħ tiegħi."

6Min-naħa l-oħra xi wħud għandhom jidħlu f'dan il-mistrieħ; u, billi dawk li
kienu l-ewwel li ħadu l-bxara t-tajba ma daħlux ħtija tal-ebusija ta' rashom,

7Alla għażel mill-ġdid jum ieħor - "illum" - meta wara ħafna żmien qal b'fomm
David il-kliem li semmejna, "Jekk illum tisimgħu leħnu, la twebbsux qalbkom."

8Kieku kien Ġożwè li tahom il-mistrieħ, Alla ma kienx jitkellem minn jum wara
dan.

9Mela għad baqa' mistrieħ tas-Sibt għall-poplu ta' Alla.

10Għax min jidħol fil-mistrieħ ta' Alla jistrieħ hu wkoll mix-xogħol kif Alla strieħ
minn tiegħu.

11Infittxu mela li nidħlu f'dan il-mistrieħ, biex ma jkunx hemm min jaqa'
bħalhom fuq l-eżempju tal-ebusija tagħhom.

12Il-kelma ta' Alla hi ħajja u qawwija, taqta' aktar minn xabla b'żewġt ixfar; hija
tinfed sa tifred minn xulxin ir-ruħ u l-ispirtu u l-ġogi u l-mudullun; u tgħarbel
il-ħsibijiet u l-fehmiet tal-qalb.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

13Xejn ma hemm fil-ħolqien li hu moħbi għalih, imma kollox hu miftuħ għal
għajnejn Alla, li lilu rridu nagħtu kont.

### Ġesù Kristu l-qassis il-kbir

14Mela meta aħna għandna l-qassis il-kbir, li hu tassew kbir, qassis li daħal fis-
smewwiet, Ġesù, Bin Alla, ħa nżommu sħiħa l-fidi tagħna u nistqarruha.

15Għax aħna ma għandniex qassis il-kbir li ma jistax jagħder id-dgħufija tagħna,
imma għandna wieħed li kien imġarrab bħalna f'kollox, minbarra d-dnub.

16Ha nersqu, mela, b'qalbna qawwija lejn it-tron tal-grazzja, biex naqilgħu
ħniena u nsibu f'waqtha l-grazzja li neħtieġu.

## Lhud 5

1Kull qassis il-kbir meħud minn fost il-bnedmin, hu mqiegħed għall-bnedmin
f'dak li għandu x'jaqsam ma' Alla, biex joffri għotjiet u sagrifiċċji għad-dnubiet.

2Hu dak li jista' jagħder 'il dawk li ma jafux u li jiżbaljaw, għax huwa mlibbes
bid-dgħufija;

3u minħabba f'hekk għandu joffri sagrifiċċji għad-dnubiet tiegħu wkoll, bħalma
joffrihom għad-dnubiet tal-poplu.

4Hadd m'għandu jieħu b'idejh dal-ġieħ għalih innifsu, imma biss min hu msejjaħ
minn Alla, sewwasew kif kien imsejjaħ Aron.

5Għax hekk ukoll Kristu ma tax lilu nnifsu l-ġieħ li jkun il-qassis il-kbir, imma
dan tahulu Alla, li qallu: "Ibni int; illum jien nissiltek."

6U kif jgħid ukoll band'oħra: "Int qassis għal dejjem skont l-ordni ta'
Melkisedek."

7Meta kien jgħix fuq din l-art, Kristu offra talb u suppliki b'leħen għoli u bid-
dmugħ lil dak li seta' jsalvah mill-mewt. U kien mismugħ minħabba fil-qima
tiegħu lejn Alla.

8Għad li kien Iben, tgħallem minn dak li bata xi tfisser l-ubbidjenza.

9U, billi laħaq il-perfezzjoni, sar awtur tas-salvazzjoni ta' dejjem għal kull min
jisma' minnu,

10wara li Alla għamlu l-qassis il-kbir skont l-ordni ta' Melkisedek.

### Nimxu 'l quddiem

11Fuq dan Melkisedek għandna ħafna xi ngħidu, ħwejjeġ tqal biex tfissirhom,
ladarba intom sirtu tqal biex tisimgħuhom.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

12Tant hu hekk li għalkemm issa jmisskom sirtu mgħallmin, għadkom teħtieġu
’l min jgħallimkom mill-ġdid l-ewwel elementi tal-kelma ta’ Alla; ġejtu fil-bżonn
li tieħdu l-ħalib, u mhux ikel sħiħ.

13Issa kull min jieħu l-ħalib ma jifhimx il-kliem tal-ġustizzja, għax għadu tarbija.

14Imma l-ikel sħiħ hu tal-kbar, ta’ dawk li biż-żmien huma mdorrija jagħżlu bejn
it-tajjeb u l-ħażin.

## Lhud 6

1Mela ħallina mill-ewwel elementi tat-tagħlim ta’ Kristu, u nimxu ’l quddiem
lejn dak li hu aktar perfett. Ma għandniex għalfejn nerġgħu nibdew mill-bidu
bl-indiema tal-għemejjel il-mejta tagħha u bil-fidi f’Alla,

2bit-tagħlim dwar ħasil u tqegħid tal-idejn u dwar il-qawmien mill-imwiet u l-
ġudizzju ta’ dejjem.

3Ha nimxu ’l quddiem, kif issa se nagħmlu, jekk Alla jrid.

4Għax ma jistax ikun li traġġa’ lura għall-indiema lil dawk li, wara li darba sfaw
imdawla, wara li daqu d-don tas-sema fl-Ispirtu s-Santu,

5wara li daqu t-tjubija tal-kelma ta’ Alla u l-qawwa taż-żmien li għad irid jiġi,

6imbagħad reġgħu waqgħu; għaliex dawn, bl-istess imġiba tagħhom, jerġgħu
jsallbu lill-Iben ta’ Alla u jwaqqgħuh għat-tmaqdir.

7L-art tixrob ix-xita li sikwit taqa’ fuqha; jekk hi tagħti wċuħ tajba lil dawk li
għalihom tinħadem, hi jkollha l-barka ta’ Alla;

8imma jekk tagħti xewk u għollieq, għal xejn ma tkun tiswa, imma tkun waslet
biex tiġbed fuqha s-saħta u tispiċċa biex jaħarquha.

9Għalkemm qiegħed inkellimkom hekk, għeżież tiegħi, jiena ċert li għalikom
hemm ħwejjeġ aħjar li għandhom x’jaqsmu mas-salvazzjoni tagħkom.

10Għax Alla mhux se jkun hekk inġust li jinsa dak li intom għamiltu u l-imħabba
li wrejtu lejn ismu meta qdejtu u għadkom taqdu lill-qaddisin.

11Imma jiena nixtieq li kull wieħed minnkom juri l-istess ħerqa, biex it-tama
tagħkom tilħaq il-milja tagħha sal-aħħar.

12Ma nixtiqukomx li taqgħu fl-għażż, imma li tgħixu fuq l-eżempju ta’ dawk li
bil-fidi u s-sabar jiksbu l-wegħdiet.

### Il-wegħdiet ta’ Alla

13Meta Alla għamel il-wegħda lil Abraham, billi ma kienx hemm aqwa minnu
biex jaħlef bih, ħalef bih innifsu

14u qal: “Inwiegħed tassew li nimliek b’kull barka u nkattarlek nislek bil-bosta.”

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

15Hekk Abraham kiseb il-wegħda, wara li stenna bis-sabar.

16Il-bnedmin jaħilfu b'min hu aqwa minnhom, u l-ġurament li jsaħħaħ kliemhom jaqtgħalhom kull kwistjoni.

17U hekk Alla, meta lill-werrieta tal-wegħda ried jurihom b'mod aktar qawwi li r-rieda tiegħu ma titbiddilx, rabat lilu nnifsu b'ġurament,

18biex bis-saħħa ta' żewġ atti li ma jitreġġgħux lura, u li jagħtu xhieda li Alla ma jigdibx, aħna, li sibna l-kenn, ikollna qalbna qawwija sewwa li niksbu t-tama li hemm lesta għalina.

19Din it-tama hija għalina bħal ankra tar-ruħ, sħiħa u qawwija; biha aħna nidħlu 'l ġewwa mill-velu,

20fejn qabilna daħal Ġesù għalina meta sar għal dejjem il-qassis il-kbir skont l-ordni ta' Melkisedek.

## Lhud 7

### L-ordni saċerdotali ta' Melkisedek

1Għax dan Melkisedek, sultan ta' Salem u qassis ta' Alla l-għoli, xħin Abraham kien ġej lura mix-xebgħa li kien ta lis-slaten, ħareġ jiltaqa' miegħu u bierku;

2lilu mbagħad Abraham tah sehem minn kollox, bħala għexur. Isem Melkisedek ifisser l-ewwel nett "Sultan tal-Ġustizzja", imbagħad "Sultan ta' Salem", jiġifieri, sultan tas-sliem.

3Hu jidher bla missier, bla omm, bla nisel, qisu la għandu bidu u lanqas tmiem ta' ħajtu. Imma, biex ikun jixbah lill-Iben ta' Alla, jibqa' qassis għal dejjem.

4Araw mela kemm hu kbir dak li lilu l-patrijarka Abraham tah l-għexur mill-aħjar tal-priża!

5Tassew li dawk fost ulied Levi li jieħdu s-saċerdozju għandhom ukoll l-ordni mil-Liġi li jieħdu l-għexur mingħand il-poplu, jiġifieri, mingħand ħuthom, għalkemm dawn ukoll imnisslin minn Abraham;

6iżda Melkisedek, għad li mhuwiex min-nisel tagħhom, ħa l-għexur mingħand Abraham u bierku, lilu, li kellu l-wegħdiet.

7Issa ma hemmx dubju li hu ż-żgħir li jitbierek mill-kbir.

8Iżjed: fl-ewwel każ l-għexur qegħdin jeħduhom nies li jmutu, imma fil-każ l-ieħor għandna 'l dak li minnu jingħad li għadu ħaj.

9Anzi, biex ngħid hekk, Levi, li jieħu l-għexur, hu stess kien intaxxat f'Abraham,

10għax kien għadu fil-ġewwieni ta' missieru meta Melkisedek iltaqa' miegħu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

11Issa, kieku l-perfezzjoni kellha tkun bis-saħħa tas-saċerdozju ta’ Levi - għax
kien minħabba fih li l-poplu ħa l-Liġi - xi bżonn kien hemm li jqum qassis ieħor
li jissejjaħ skont l-ordni ta’ Melkisedek u mhux skont l-ordni ta’ Aron?

12Għax jekk jitbiddel is-saċerdozju, jeħtieġ li titbiddel ukoll il-Liġi.

13U dak li fuqu jingħadu dawn il-ħwejjeġ hu minn tribù ieħor, li minnu qatt ma
kien hemm ħadd mogħti għas-servizz tal-artal.

14Għax hu magħruf li l-Mulej tagħna ġej mit-tribù ta’ Ġuda, li fuqu Mosè qatt ma
qal xejn meta tkellem fuq is-saċerdozju.

15Dan jidher wisq aktar ċar fil-każ li l-qassis l-ieħor, li jiġi, ikun jixbah lil
Melkisedek,

16hu li sar qassis mhux b’liġi tan-nisel tal-ġisem, imma bil-qawwa ta’ ħajja li ma
tintemmx.

17Għax għalih tixhed l-Iskrittura: “Int qassis għal dejjem skont l-ordni ta’
Melkisedek.”

18Għalhekk tħassar il-kmandament ta’ qabel, għax hu dgħajjef u bla siwi,

19billi l-Liġi xejn ma wasslet għall-perfezzjoni; imma daħlet tama aħjar li biha
aħna noqorbu lejn Alla.

20U dan ma sarx bla ġurament; għax waqt li dawk saru qassisin bla ġurament,

21dan, għall-kuntrarju, sar qassis bil-ġurament, skont il-kelma ta’ dak li għalih
qal: “Ħalef il-Mulej, u ma jisgħobx bih: Int qassis għal dejjem.”

22Daqshekk ieħor hu aqwa l-patt li tiegħu Ġesù hu l-medjatur.

23Dawk tal-imgħoddi kienu jsiru qassisin f’għadd kbir, għax minħabba fil-mewt
ma kinux jistgħu jibqgħu għal dejjem.

24Imma Ġesù, billi jibqa’ għal dejjem, għandu saċerdozju li ma jintemm qatt.

25Għalhekk ukoll huwa jista’ jsalva għalkollox ’il dawk li bih jersqu lejn Alla,
ladarba hu jibqa’ għal dejjem ħaj biex jidħol għalihom.

26Dan hu, tabilħaqq, il-qassis il-kbir li kien jgħodd għalina: qaddis, innoċenti,
safi, maqtugħ mill-midinbin, merfugħ ’il fuq mis-smewwiet;

27li ma għandux bżonn, bħall-qassisin il-kbar l-oħra, joffri kuljum is-sagrifiċċju,
l-ewwel għad-dnubiet tiegħu stess, imbagħad għad-dnubiet tal-poplu. Dan hu
għamlu darba għal dejjem, meta offra lilu nnifsu.

28Għax il-Liġi tqiegħed bħala qassisin il-kbar bnedmin li huma dgħajfa; iżda l-
kelma tal-ġurament, li ġiet wara l-Liġi, tqiegħed Iben, li ġie magħmul perfett
għal dejjem.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

# Lhud 8

### Il-qassis il-kbir tal-patt il-ġdid

1 Din hi issa l-aqwa ħaġa li rridu ngħidu: li aħna għandna qassis hekk kbir li
qagħad fuq il-lemin tat-tron tal-kobor ta’ Alla fis-sema,

2 ministru tas-santwarju u tat-tabernaklu veru li hu magħmul mill-Mulej u mhux
mill-bnedmin.

3 Kull qassis isir biex iressaq l-offerti u joffri s-sagrifiċċji; jeħtieġ għalhekk li dan
ukoll ikollu xi ħaġa x’joffri.

4 Issa, li kieku Kristu kien fuq l-art ma kien ikun qassis xejn, billi fuq l-art hawn
qassisin li jressqu l-offerti skont il-Liġi.

5 Dawn jaqdu santwarju li hu xbieha u dell ta’ dak tas-sema, skont ma Alla qal lil
Mosè meta dan kien wasal biex iwaqqaf it-tabernaklu: “Qis li tagħmel kollox fuq
il-mudell li wrejtek fuq il-muntanja.”

6 Issa l-ministeru li kiseb Kristu hu daqshekk aqwa minn dak tal-imgħoddi daqs
kemm hu aqwa l-patt li tiegħu huwa l-medjatur, għaliex hu patt mibni fuq
wegħdiet aqwa.

7 Għax kieku dak l-ewwel patt kien perfett, ma kienx ikun hemm għalfejn
jagħmel patt ieħor floku.

8 Imma Alla, għax sab x’iċanfar fihom, qalilhom: “Ara, wasal iż-żmien, jgħid il-
Mulej, li jiena nagħmel patt ġdid mad-dar ta’ Iżrael u mad-dar ta’ Ġuda.

9 Dan ma jkunx bħall-patt li jien għamilt ma’ missirijiethom, meta qbadthom
minn idhom biex noħroġhom mill-art tal-Eġittu; ladarba huma ma baqgħux
iżommu mal-patt tiegħi, jiena wkoll tlaqthom, jgħid il-Mulej.

10 Dan hu l-patt li jien għad nagħmel mad-dar ta’ Iżrael wara dawk il-jiem, jgħid
il-Mulej: Inqiegħed il-liġijiet tiegħi f’moħħhom, u f’qalbhom niktibhom. U jiena
nkun Alla tagħhom, u huma jkunu l-poplu tiegħi.

11 Ma jgħallmux aktar wieħed lil sieħbu u wieħed lil ħuh billi jgħidu: ‘Agħraf lill-
Mulej’, għax ilkoll għad jagħrfuni, miż-żgħir nett sal-kbir nett fosthom.

12 Jiena nħenn għalihom fil-ħażen tagħhom, u fi dnubiethom ma niftakarx
iżjed.”

13 Meta tkellem minn patt “ġdid”, wera li dak ta’ qabel kien qadim. Issa dak li
jiqdiem u jixjieħ ikun wasal biex jispiċċa.

# Lhud 9

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

## s-santwarju tas-sema u dak tal-art

1L-ewwel patt kellu wkoll il-liġijiet tal-kult u s-santwarju, għalkemm dan kien
santwarju tal-art.

2Fis-santwarju kien hemm tinda, dik ta' quddiem, li fiha kien hemm il-
kandelabru u l-mejda bil-ħobż tal-preżenza quddiem il-Mulej; din it-tinda
kienet tissejjaħ "il-Post Qaddis".

3Imbagħad, wara t-tieni velu, kien hemm tinda oħra, li kienet tissejjaħ "il-Post
il-Qaddis".

4F'din kien hemm l-artal tad-deheb għall-inċens, u l-arka tal-patt, miksija minn
kull naħa bid-deheb, li fiha kien hemm bieqja tad-deheb bil-manna, il-virga ta'
Aron li minnha kien ħareġ il-ward, u t-twavel tal-patt.

5Fuq l-arka kien hemm il-kerubini tal-glorja jgħattu l-għatu tat-tpattija għad-
dnubiet. M'hemmx għalfejn hawnhekk nidħlu fl-irqaqat kollha.

6Skont dan it-taqsim, fl-ewwel tinda jidħlu l-qassisin f'kull żmien biex jagħmlu
s-servizz ritwali;

7imma fit-tieni waħda jidħol biss il-qassis il-kbir, darba fis-sena biss, u ma
jidħolx mingħajr ma jieħu miegħu d-demm, li hu joffri għalih innifsu u għan-
nuqqasijiet li jagħmel il-poplu bla ma jkun jaf.

8B'dan l-Ispirtu s-Santu jrid ifisser illi t-triq li tieħu għas-santwarju għadha
mhix miftuħa sakemm għad hemm wieqfa l-ewwel tinda.

9Din hi tixbiha għal dan iż-żmien. Skont din it-tixbiha, l-għotjiet u s-sagrifiċċji li
wieħed joffri ma jistgħux jagħmlu perfetta l-kuxjenza ta' min ikun qiegħed joffri
l-kult;

10huma għandhom x'jaqsmu biss ma' ikel, xorb u ħafna ċerimonji ta' ħasil,
liġijiet li jolqtu l-ġisem, mogħtija sa ma jasal żmien it-tiġdid.

11Imma Kristu ġie bħala l-qassis il-kbir tal-ġid li diġà ġie. Hu daħal minn tinda
aqwa u aktar perfetta li mhijiex magħmula b'idejn il-bnedmin, jiġifieri mhijiex
ħolqien ta' din l-art;

12hu daħal darba għal dejjem fis-Santwarju, mhux bis-saħħa tad-demm tal-
mogħoż u tal-għoġiela, imma bis-saħħa ta' demmu stess, u hekk kiseb fidwa
għal dejjem.

13Jekk id-demm tal-mogħoż u tal-gniedes u l-irmied tal-għoġla mraxxax fuq
dawk li huma mniġġsa jista' jqaddishom billi jagħtihom l-indafa tal-ġisem,

14kemm aktar id-demm ta' Kristu, li bl-Ispirtu ta' dejjem offra lilu nnifsu vittma
safja lil Alla, jista' jnaddaf il-kuxjenza tagħkom mill-għemil mejjet biex taqdu lil
Alla ħaj!

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

15U għalhekk hu medjatur ta' patt ġdid, testment ġdid, biex, wara li seħħet il-mewt għall-fidwa tal-ħtijiet li saru fi żmien il-patt ta' qabel, dawk li huma msejħa minn Alla jiksbu l-wirt ta' dejjem li hu wegħedhom.

16Fejn ikun hemm testment, ikun jeħtieġ li tixxandar il-mewt ta' min għamlu.

17Għax testment jibda jgħodd wara l-mewt, u ebda saħħa ma jkollu sakemm dak li jkun għamlu jibqa' ħaj.

18Kien għalhekk li anqas l-ewwel patt ma twettaq mingħajr demm.

19Għax Mosè, wara li nieda lill-poplu l-kmandamenti kollha kif titlob il-Liġi, ħa d-demm tal-għoġiela u tal-mogħoż flimkien mal-ilma, u bis-suf aħmar u l-friegħi tal-issopu raxx l-istess ktieb u l-poplu kollu,

20u qal: "Dan hu d-demm tal-patt li Alla ordnalkom."

21Hekk ukoll raxx bid-demm it-tabernaklu u t-tagħmir kollu tal-kult.

22Tabilħaqq, skont il-Liġi, tista' tgħid kollox jissaffa bid-demm; u bla tixrid tad-demm ma hemmx maħfra.

### Is-saċerdozju ta' Kristu naddafna mid-dnub

23Jekk mela kien meħtieġ li xbihat tal-ħwejjeġ tas-sema jissaffew b'dawn ir-riti, dawn l-istess ħwejjeġ tas-sema kellhom jissaffew b'sagrifiċċji aqwa.

24Għax Kristu ma daħalx f'santwarju magħmul b'idejn il-bnedmin li hu biss xbieha tas-santwarju veru, imma daħal fis-sema stess, biex issa jidher għalina quddiem Alla.

25U daħal hemm mhux biex minn żmien għal żmien joffri lilu nnifsu bħalma l-qassis il-kbir jidħol kull sena fis-santwarju biex joffri demm ħaddieħor.

26Li kieku kien hekk, kien ikollu jbati ħafna drabi sa mill-ħolqien tad-dinja. Iżda issa deher darba għal dejjem, meta waslet il-milja taż-żminijiet, biex ineħħi d-dnub bis-sagrifiċċju tiegħu nnifsu.

27U kif hu miktub għall-bnedmin li għandhom imutu darba biss, u wara dan isir il-ġudizzju,

28hekk ukoll Kristu, wara li offra lilu nnifsu darba biss biex jitgħabba bid-dnubiet tal-kotra, għad jerġa' jidher darb'oħra, mhux biex ineħħi d-dnubiet, imma biex isalva lil dawk li qegħdin jistennewh bil-ħerqa.

## Lhud 10

1Il-Liġi ta' Mosè, billi għandha biss id-dell tal-ġid li għandu jiġi, u mhux dan l-istess ġid, lil dawk li jersqu qrib lejn Alla ma tista' qatt tagħmilhom perfetti bis-saħħa ta' dawk is-sagrifiċċji li huma joffru bla waqfien minn sena għal sena.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[2]Għax kieku kien hekk, dawk li jagħtu l-kult lil Alla ma kinux forsi jwaqqfuhom dawn is-sagrifiċċji kieku kienu jħossu ruħhom bla dnubiet u mnaddfin minnhom darba għal dejjem?

[3]Għall-kuntrarju, b'dawn l-istess sagrifiċċji ssir it-tifkira tad-dnubiet minn sena għal oħra.

[4]Għax ma jistax ikun li d-demm tal-gniedes u tal-mogħoż ineħħi d-dnubiet.

[5]Għalhekk Kristu meta daħal fid-dinja qal: "Sagrifiċċju u offerta int ma ridtx, imma ġisem int ħejjejt għalija;

[6] vittmi maħruqa u vittmi għad-dnubiet lilek ma għoġbukx.

[7] Jien imbagħad għedt: 'Hawn jien, ġejt biex nagħmel ir-rieda tiegħek, o Alla, kif fil-ktieb hemm miktub fuqi."

[8]L-ewwel qal: "Sagrifiċċji u offerti, vittmi maħruqa u vittmi għad-dnubiet, la ridthom u lanqas għoġbuk", għalkemm dawn titlobhom il-Liġi.

[9]Imbagħad qal: "Hawn jien, ġejt biex nagħmel ir-rieda tiegħek". B'hekk Alla neħħa s-sagrifiċċji tal-ewwel biex iqiegħed flokhom tat-tieni.

[10]Bis-saħħa ta' din ir-rieda aħna konna mqaddsin, permezz tal-offerta tal-ġisem ta' Ġesù Kristu magħmula darba għal dejjem.

[11]Kull qassis ieħor imur kuljum biex jaqdi l-ministeru tiegħu, u joffri u jerġa' joffri l-istess sagrifiċċju, bla ma jistgħu qatt ineħħu d-dnubiet.

[12]Imma Kristu, wara li offra sagrifiċċju wieħed għad-dnubiet, qagħad għal dejjem fuq in-naħa tal-lemin ta' Alla,

[13]fejn qiegħed jistenna sa ma l-għedewwa tiegħu jitqiegħdu mirfes taħt riġlejh.

[14]Għax hu b'offerta waħda għamel perfetti għal dejjem lil dawk li huwa jqaddes.

[15]Dan jixhedhulna l-Ispirtu s-Santu nnifsu, għax wara li qal:

[16] "Dan hu l-patt li jien għad nagħmel magħhom wara dawk il-jiem, jgħid il-Mulej; inqiegħed il-liġijiet tiegħi f'qalbhom, u f'moħħhom niktibhom." Qal ukoll:

[17] "Dnubiethom u ħtijiethom ma niftakarhomx aktar."

[18]Issa, fejn hemm il-maħfra tad-dnubiet, ma hemmx għalfejn issir aktar l-offerta għad-dnubiet.

### Eżortazzjoni u twiddib

[19]Ladarba, l-aħwa, għandna l-fiduċja li nidħlu fis-Santwarju bis-saħħa tad-demm ta' Ġesù

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[20]billi ngħaddu mit-triq, ġdida u ħajja, li hu fetħilna 'l ġewwa mill-velu, li hu l-ġisem tiegħu stess;

[21]u ladarba għandna dan il-qassis il-kbir imqiegħed fuq il-familja ta' Alla,

[22]ejjew nersqu b'qalb sinċiera u b'fidi sħiħa, bi qlubna mnaddfin minn kuxjenza ħażina u l-ġisem tagħna maħsul b'ilma safi.

[23]Inżommu sħiħ fl-istqarrija qawwija tat-tama tagħna, għax ta' kelmtu huwa dak li għamlilna l-wegħda.

[24]Naraw kif nistgħu nħajru lil xulxin għall-imħabba u għall-għemil tajjeb.

[25]Ma ninqatgħux mil-laqgħat tagħna flimkien, kif ħadu d-drawwa jagħmlu xi wħud; agħmlu l-qalb lil xulxin; u dan wisq aktar għandkom tagħmluh, aktar ma taraw li qiegħed joqrob il-Jum.

[26]Għax jekk wara li ħadna t-tagħrif sħiħ tal-verità nidinbu minn rajna, ma hemmx sagrifiċċju ieħor għad-dnub xi jsir.

[27]Jibqgħalna biss li nistennew bil-biża' l-ġudizzju u l-ħuġġieġa nar li teqred l-għedewwa ta' Alla.

[28]Jekk wieħed iwarrab il-Liġi ta' Mosè jingħata għall-mewt bla ebda ħniena fuq il-kelma ta' tnejn jew tliet xhieda.

[29]Aħsbu ftit x'kastig aktar aħrax ħaqqu dak li jkasbar lil Bin Alla, li jniġġes id-demm tal-patt li bih tqaddes, u li jmaqdar l-Ispirtu tal-grazzja!

[30]Għax aħna nafu min hu dak li qal: "Tiegħi hu l-ħaqq, jien hu li nħallas," u wkoll: "Jagħmel ħaqq il-Mulej mill-poplu tiegħu."

[31]Ħaġa tal-biża' li taqa' f'idejn Alla l-ħaj!

[32]Ftakru f'dawk l-ewwel jiem: lanqas biss ilħaqtu ddawwaltu bit-tagħlim, li ma ġarrabtux bis-sabar taqbida ħarxa.

[33]Lil xi wħud minnkom għamlu minnhom spettaklu bit-tagħjir u ħbit quddiem kulħadd; oħrajn minnkom kellhom jaqsmu fix-xorti ta' dawk li sabu ruħhom f'dawn il-provi.

[34]Għax tassew, intom ħadtu sehem fit-tbatijiet tal-priġunieri, u fraħtu meta serqulkom ġidkom, għax tafu li għandkom ġid akbar li jibqa' għal dejjem.

[35]Tarmux, mela, il-fiduċja tagħkom, għax din iġġib magħha ħlas kbir.

[36]Tassew li teħtieġu s-sabar biex tagħmlu r-rieda ta' Alla u tiksbu dak li hu wiegħed.

[37]Għax "ftit ieħor, ftit ħafna, u dak li għandu jiġi ma jdumx ma jiġi.


© 2020 Malta Bible Society.

38 Il-bniedem ġust tiegħi jgħix bil-fidi; imma jekk jerġa' lura jien ma nitgħaxxaqx
bih."

39Iżda aħna m'aħniex minn dawk li jerġgħu lura, biex nintilfu; aħna minn dawk
li jemmnu, biex insalvaw.

## Lhud 11

### Il-qawwa u l-glorja tal-fidi

1Il-fidi hija pedament tal-ħwejjeġ li għandna nittamaw, hija l-prova tal-ħwejjeġ
li ma narawx.

2In-nies tal-imgħoddi għoġbu lil Alla sewwasew għax kellhom il-fidi.

3Hu permezz tal-fidi li aħna nemmnu kif Alla ħoloq id-dinja bil-kelma tiegħu,
hekk li minn dak li ma narawx sar dak li jidher.

### Il-fidi tal-ewwel patrijarki

4Kien permezz tal-għotjiet li Abel offra lil Alla sagrifiċċju aħjar minn ta' Kajin,
sagrifiċċju li bis-saħħa tiegħu kiseb xhieda li hu kien raġel ġust, u Alla tah xhieda
tal-għotjiet tiegħu; u b'dik il-fidi hu għadu jsamma' leħnu għad li miet.

5Kien minħabba fil-fidi tiegħu li Henok ittieħed minn fostna hekk li hu l-mewt
ma rahiex; ma nstabx iżjed, għax Alla kien ħadu. U tassew, qabel ma ttieħed kien
kiseb xhieda li hu kien għoġob lil Alla.

6Mingħajr il-fidi ma jistax ikun li wieħed jogħġob lil Alla. Għax kull min jersaq
lejn Alla jeħtieġlu jemmen li Alla jeżisti u li hu jagħti l-ħlas xieraq lil dawk li
jfittxuh.

7Kien minħabba fil-fidi tiegħu li Noè, mgħarraf minn Alla dwar ħwejjeġ li kienu
għadhom ma jidhrux, mimli b'biża' qaddis bena arka biex isalva l-familja tiegħu;
u b'dik il-fidi kkundanna d-dinja u sar werriet tal-ġustizzja li tinkiseb bis-saħħa
tal-fidi.

### Il-fidi ta' Abraham

8Kienet il-fidi li ġagħlet lil Abraham jobdi s-sejħa ta' Alla, meta dan qallu biex
imur f'art li kien se jagħtih b'wirt; u telaq, bla ma kien jaf fejn kien sejjer.

9Kienet il-fidi li ġagħlitu jgħammar fl-art imwiegħda, qisu barrani f'art
barranija, u jgħix taħt it-tined flimkien ma' Iżakk u Ġakobb, li kienu werrieta
miegħu tal-istess wegħda;

10għax hu kien iħares 'il quddiem, lejn il-belt mibnija fis-sod, li l-imgħallem u l-
bennej tagħha huwa Alla.

11Kienet ukoll il-fidi li biha Sarah, mara mdaħħla fiż-żmien, setgħet titqal, għax
hija għarfet li ta' kelmtu kien dak li għamlilha l-wegħda.


© 2020 Malta Bible Society.

12Kien għalhekk li minn bniedem wieħed, li kien tista' tgħid mejjet, twieldu nies
bil-kotra daqs il-kwiekeb tas-sema u daqs ir-ramel ta' xatt il-baħar, li ħadd ma
jista' jgħoddu.

13Kollha bil-fidi mietu dawn in-nies. Kienu għadhom ma ħadux dak li kien
imwiegħed, iżda huma rawh mill-bogħod u sellmulu, waqt li għarfu li huma
kienu barranin u għorba fuq l-art.

14Tabilħaqq, dawk li jitkellmu b'dan il-mod juru ċar li huma qegħdin ifittxu
pajjiż għalihom.

15Li kieku kellhom fi ħsiebhom il-pajjiż li minnu kienu ħarġu, kellhom żmien
biżżejjed biex jerġgħu lura fih.

16Imma issa huma jixtiequ pajjiż aħjar, jiġifieri, dak tas-sema. Huwa għalhekk li
Alla ma jistmellx jissejjaħ Alla tagħhom, għax hu ħejja belt għalihom.

17Kienet il-fidi li ġagħlet lil Abraham joffri 'l Iżakk meta Alla ġarrbu; u kien se
joffri lil ibnu l-waħdieni sewwasew dak li kien ħa l-wegħdiet,

18hu li Alla kien qallu: "Minn Iżakk int għad ikollok nisel."

19Huwa fehem li Alla kellu s-setgħa saħansitra li jqajjem mill-mewt; u, fis-sens
ta' tixbiha, ħadu tabilħaqq lura mill-mewt.

20Kien ukoll permezz tal-fidi li Iżakk bierek 'il Ġakobb u 'l Għesaw dwar dawk
il-ħwejjeġ li kellhom jiġu.

21Permezz tal-fidi Ġakobb, hu u jmut, bierek lil kull wieħed minn ulied Ġużeppi
u ta qima lil Alla, waqt li tbaxxa fuq tarf il-bastun li kellu.

22Permezz tal-fidi Ġużeppi, fl-aħħar ta' ħajtu, tkellem fuq il-ħruġ tal-Iżraelin
mill-Eġittu u qalilhom x'kellhom jagħmlu b'għadmu.

**Il-fidi ta' Mosè u ta' wlied Iżrael**

23Kien permezz tal-fidi li, meta twieled Mosè, missieru u ommu ħbewh għal tliet
xhur, għax raw kemm kien tifel sabiħ, bla ma beżgħu mill-ordni tas-sultan.

24Permezz tal-fidi Mosè, meta kiber, ma riedx jissejjaħ bin it-tifla tal-Fargħun;

25u għażel li aħjar ikun imkasbar flimkien mal-poplu ta' Alla milli jgawdi l-hena
tad-dnub, hena li jgħaddi f'qasir żmien.

26Deherlu li t-tmaqdir ta' Kristu huwa għana akbar mit-teżori tal-Eġittu, għax
ħares 'il quddiem lejn il-ħlas.

27Permezz tal-fidi ħalla l-Eġittu bla ma baża' mill-qilla tas-sultan; żamm iebes,
daqs kemm kieku kien qiegħed jara lil Alla li ma jidhirx.

28Permezz tal-fidi għamel l-ikla tal-Għid u raxxax id-demm, biex l-anġlu tal-
mewt ma jolqotx lill-ulied il-kbar tal-Iżraelin.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

29Kien permezz tal-fidi li l-Iżraelin qasmu l-Baħar l-Aħmar qishom fuq art
niexfa, waqt li għerqu l-Eġizzjani, li marru biex jagħmlu bħalhom.

### Il-fidi tagħmel l-għeġubijiet

30Kien permezz tal-fidi li waqgħu l-ħitan ta' Ġeriko wara li l-Iżraelin daru
magħhom għal sebat ijiem.

31Permezz tal-fidi Raħab iż-żienja ma ntilfitx ma' dawk ta' rashom iebsa, għax
kienet laqgħet bis-sliem l-ispiji li marru jitkixxfu l-art.

32X'se ngħid iżjed? Ma nsibx żmien biżżejjed biex insemmi fuq Gidgħon, Barak,
Sansun, Ġefti, David, Samwel u l-profeti.

33Bil-qawwa tal-fidi huma rażżnu saltniet, għamlu l-ġustizzja, kisbu l-wegħdiet;
saddew ħalq l-iljuni,

34tfew il-qawwa tan-nar, ħelsu minn xifer is-sejf, fiequ mill-mard, tqawwew fit-
taqbid, ħarrbu l-eżerċti tal-barranin.

35Nisa ħadu lura l-mejtin tagħhom irxuxtati mill-mewt. Oħrajn ħaqruhom għall-
mewt, għax irruftaw il-ħelsien biex jiksbu qawmien aħjar.

36Oħrajn sofrew żebliħ u swat u saħansitra ktajjen u ħabs.

37Kienu mħaġġra, imħanxra minn nofshom, maqtula bis-sejf; ħarġu jiġġerrew
imlibbsin bi ġlud tan-nagħaġ u tal-mogħoż, neqsin minn kollox, imħabbtin u
maħqurin.

38Id-dinja ma kienx jixirqilha jkollha nies bħal dawn. Huma qagħdu jiġġerrew
fid-deżert u fuq l-għoljiet, fl-għerien u fl-irkejjen tal-art.

39U dawn kollha, għad li qalgħu xhieda tajba bis-saħħa tal-fidi tagħhom, ma
kisbux dak li kien imwiegħed,

40billi Alla rafa' xi ħaġa aħjar għalina, bil-ħsieb li huma ma jaslux għall-
perfezzjoni mingħajrna.

## Lhud 12

### Id-dixxiplina tal-Mulej

1Ladarba aħna wkoll għandna madwarna sħaba hekk kbira ta' xhieda, ejjew
inwarrbu minna kull xkiel u kull dnub li malajr ifixkilna, u b'qalbna qawwija
nibqgħu niġru t-triq tal-prova li għandna quddiemna;

2inżommu għajnejna merfugħa lejn Ġesù, li minnu tibda u fih tintemm il-fidi
tagħna; hu li, flok l-hena li kellu quddiemu, qagħad għas-salib bla xejn ma qies
l-għajb tiegħu, u issa qiegħed fuq in-naħa tal-lemin tat-tron ta' Alla.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

3Aħsbu mela fih, li qagħad għal oppożizzjoni hekk kbira min-naħa tal-midinbin, biex ma tegħjewx u ma taqtgħux qalbkom.

4Sa issa fil-ġlieda tagħkom kontra d-dnub, għad ma żammejtux hekk iebes li wasaltu biex xerridtu demmkom.

5Insejtuha għalkollox il-kelma ta' twissija li qalilkom ta' wlied li intom: "Ibni, la twarrabx it-twiddib tal-Mulej, u la taqtax qalbek meta jċanfrek;

6 għax il-Mulej iwiddeb lil min iħobb, jolqot lil kull min jilqa' b'ibnu."

7Hu għall-edukazzjoni tagħkom li intom qegħdin tbatu. Alla qiegħed jimxi magħkom ta' wlied. Min hu dak l-iben li missieru ma jwiddbux?

8Jekk intom tibqgħu bla twiddib, bħalma kellhom l-ulied kollha, intom tkunu qiskom tfal ta' ħaddieħor, mhux ulied.

9Barra minn dan, aħna kellna wkoll missirijietna tal-art; kienu jwiddbuna, u aħna konna nweġġħuhom. Mela kemm aktar għandna noqogħdu taħt il-Missier tas-sema, biex ikollna l-ħajja.

10Dawn kienu jwiddbuna kif kien jidhrilhom huma, għal ftit żmien; imma Alla jwiddibna għall-ġid tagħna, biex aħna niksbu sehem fil-qdusija tiegħu.

11Tassew li bħalissa kull twiddiba ma tferraħniex, imma tnikkitna; iżda mbagħad, lil dawk li jkunu tħarrġu biha, hija troddilhom il-frott ta' ħajja mimlija bis-sliem u l-ġustizzja.

12Mela erfgħu l-idejn merħija u l-irkupptejn mitluqa tagħkom,

13u aqbdu triq dritta għal riġlejkom, biex min hu zopp, ma joħroġx mit-triq, imma jerġa' jieħu saħħtu.

**Nilqgħu l-grazzja ta' Alla**

14Fittxu li żżommu s-sliem ma' kulħadd u li jkollkom il-qdusija, li mingħajrha ħadd ma jara lill-Mulej.

15Qisu li ħadd fostkom ma jibqa' lura mill-grazzja ta' Alla, li ebda għerq ta' mrar ma jinbet fostkom li jġib it-taħwid u li bih ħafna jitħassru.

16Li ħadd fostkom ma jkun żieni u bla Alla bħal Għesaw li għal ikla waħda biegħ il-jedd tal-kbir fost l-aħwa.

17Tafu intom kif ġie mwarrab meta mbagħad ried jiret il-barka; ma sabx mezz ta' ndiema għad li fittixha bit-tixrid tad-dmugħ.

18Intom ma rsaqtux lejn in-nar materjali u jħeġġeġ tas-Sinaj; lejn dak is-swied u d-dlam u r-riefnu;

19lejn dak id-daqq ta' tromba u ħoss ta' kliem li dawk li kienu jisimgħuh talbu bil-ħerqa biex ma jkellimhomx aktar;

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[20]għax huma ma felħux għal dan il-kmand: "Imqar jekk bhima tmiss il-muntanja, tkun imħaġġra."

[21]Kienet hekk tal-biża' dik id-dehra, li Mosè qal: "Qiegħed nitriegħed bil-biża'."

[22]Imma intom ersaqtu lejn il-muntanja ta' Sijon u lejn il-belt ta' Alla l-ħaj, li hi Ġerusalemm tas-sema; ersaqtu lejn eluf ta' anġli f'ġemgħa ferrieħa;

[23]lejn il-ġemgħa tal-ulied ewlenin li isimhom hu miktub fis-sema; lejn Alla l-imħallef ta' kulħadd; lejn l-erwieħ ta' nies tajba u perfetti;

[24]lejn Ġesù l-medjatur ta' patt ġdid; u lejn id-demm imraxxax tiegħu li jitkellem b'mod aqwa minn dak ta' Abel.

[25]Qisu li ma twarrbux lil dak li qiegħed ikellimkom! Għax jekk ma ħelsuhiex dawk talli warrbu 'l min kellimhom fuq l-art, wisq aktar ma neħilsuhiex aħna jekk inwarrbu 'l min ikellimna mis-sema.

[26]Dakinhar leħnu heżżeż l-art; imma issa wiegħed u qal: "Darb'oħra mhux biss l-art nheżżeż, imma s-sema wkoll."

[27]Il-kliem "darb'oħra" juri li l-ħwejjeġ li jitheżżu għandhom jgħaddu, bħallikieku saru biex jibqgħu dawk li ma jitheżżux.

[28]Mela rroddu ħajr lil Alla għax aħna ħadna saltna li ma titħarrikx; u nagħtuh il-qima li togħġbu bil-ġieħ u bil-biża'.

[29]Għax Alla tagħna hu nar qerriedi.

## Lhud 13

### Is-sagrifiċċji li jogħġbu lill-Mulej

[1]Ha tibqa' magħkom l-imħabba tal-aħwa.

[2]Tinsewx tilqgħu lill-barranin; minħabba f'hekk xi wħud laqgħu l-anġli bla ma kienu jafu.

[3]Ftakru f'dawk li huma fil-ħabs, daqslikieku kontu fil-ħabs magħhom; ftakru wkoll f'dawk li qegħdin ikasbruhom, daqslikieku qegħdin ikasbru lilkom f'ġisimkom.

[4]Halli jkun iż-żwieġ tagħkom miżmum fil-ġieħ minn kulħadd u s-sodda taż-żwieġ bla tinġis, għax Alla għad jagħmel ħaqq miż-żienja u mill-adulteri.

[5]Tkunux mogħtija għar-regħba tal-flus; kunu kuntenti b'dak li għandkom, għax Alla stess qal: "Jien m'iniex se nħallik, anqas nitilqek."

[6]Għalhekk nistgħu ngħidu b'qalbna qawwija: "Il-Mulej l-għajnuna tiegħi, jien ma nibżax; x'jista' jagħmilli l-bniedem?"


© 2020 Malta Bible Society.

7Ftakru f'dawk li jmexxukom, dawk li wasslulkom il-kelma ta' Alla; aħsbu fuq
it-tmiem ta' ħajjithom, imxu fuq l-eżempju tal-fidi tagħhom.

8Ġesù Kristu hu dak li kien, fl-imgħoddi, issa u għal dejjem.

9Tħallux li toħorġu 'l barra mit-triq b'xorta oħra ta' tagħlim barrani; aħjar
għalina li qalbna tissaħħaħ bil-grazzja ta' Alla milli b'tagħlim dwar kull xorta ta'
ikel li anqas sewa ta' ġid għal dawk li mxew miegħu.

10Aħna għandna artal li minnu ma jistgħux jieklu l-qassisin tas-Santwarju.

11Għax l-iġsma tal-bhejjem, li l-qassis il-kbir jieħu demmhom fis-santwarju
b'sagrifiċċju għall-maħfra tad-dnubiet, jaħarquhom 'il barra mill-kamp.

12Għalhekk Ġesù wkoll bata 'l barra minn bieb il-belt biex bid-demm tiegħu
nnifsu jqaddes lill-poplu.

13Ejjew mela noħorġu niltaqgħu miegħu 'l barra mill-kamp mgħobbijin bl-għajb
li rafa' hu.

14Għax aħna hawnhekk ma għandniex belt li tibqa' għal dejjem, iżda qegħdin
infittxu dik li għad trid tiġi.

15B'Ġesù, mela, ejjew noffru f'kull ħin lil Alla sagrifiċċju ta' tifħir, jiġifieri l-kelma
ta' xufftejna li tistqarr ismu.

16Tinsewx tagħmlu l-ġid lill-oħrajn, u taqsmu bejnietkom dak li għandkom,
għax b'sagrifiċċji bħal dawn jitgħaxxaq Alla.

17Oqogħdu għal dawk li jmexxukom, u obduhom, għax huma jgħassu fuqkom
għall-ġid tagħkom, bħala nies li għad iridu jagħtu kont tagħkom. Hekk huma
jaqdu dan id-dmir bil-ferħ, u mhux bi swied il-qalb; għax dan ma jkun
jiswielkom ta' ebda ġid.

18Itolbu għalina, għax aħna nemmnu li għandna kuxjenza safja billi rridu nġibu
ruħna sewwa f'kollox.

19Dan wisq aktar nitlobkom tagħmluh biex nerġa' nkun magħkom mill-aktar fis.

### Il-barka u l-aħħar tislima

20U Alla tas-sliem, li bis-saħħa tad-demm tal-patt ta' dejjem qajjem mill-imwiet
lil Sidna Ġesù, li hu r-Ragħaj il-kbir tan-nagħaġ,

21iwettaqkom b'kull ħaġa tajba, biex tagħmlu r-rieda tiegħu; ħalli jagħmel hu
fina dak li jogħġob lilu b'Ġesù Kristu, li lilu l-glorja għal dejjem ta' dejjem!
Ammen.

22Nitlobkom, imbagħad, l-aħwa, biex tilqgħu bis-sabar dan il-kliem ta' twissija,
li ktibtilkom fil-qosor.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

23Ngħarrafkom li ħuna Timotju ġie meħlus. Jekk ikun hawn fil-ħin, ikun miegħi meta narakom.

24Sellu għall-mexxejja tagħkom kollha u għall-qaddisin kollha. Isellu għalikom ħutna tal-Italja.

25Il-grazzja magħkom ilkoll!

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

## Ġakbu 1

### Tislima

1Ġakbu, qaddej ta’ Alla u tal-Mulej Ġesù Kristu, lit-tnax-il tribù mxerrda mad-
dinja: sliem.

### Fidi u għerf

2Ħuti, għoddu kollox b’ferħ meta tħabbtu wiċċkom ma’ kull xorta ta’ tiġrib,

3għax għandkom tkunu tafu li t-tiġrib tal-fidi tagħkom inissel is-sabar.

4Ħallu li s-sabar ikollu l-milja tiegħu fikom, biex tkunu perfetti u sħaħ, bla ma
jkun jonqoskom xejn.

5Jekk xi ħadd minnkom jonqsu l-għerf, għandu jitlob lil Alla, li jagħti lil kulħadd
b’id miftuħa u bla ma jċanfar lil ħadd, u jagħtihulu.

6Mela ħa jitlob bil-fidi, bla ma jitħasseb xejn, għax min jitħasseb ikun jixbah lill-
mewġ tal-baħar imqanqal u mqalleb bir-riħ.

7Bniedem bħal dan ma għandux jistenna li se jaqla’ xi ħaġa mingħand il-Mulej;

8hu bniedem mifxul fih innifsu, u m’huwiex żgur mit-triq li jagħżel.

### Faqar u għana

9Ħa jiftaħar ħuna l-fqir li Alla għollieh,

10u l-għani jiftaħar fl-umiljazzjoni tiegħu. Għax dan jgħib bħal ward ir-raba’;

11titla’ x-xemx tisreġ u bis-sħana tnixxef il-ħaxix, u l-fjur tiegħu jaqa’ u s-sbuħija
ta’ surtu tgħib; hekk ukoll jiġrilu l-għani f’kulma jmidd għonqu għalih.

### Taħbit u tiġrib

12Hieni l-bniedem li jistabar fit-tiġrib, għax wara li jkun għeleb it-tiġrib, jaqla’ l-
kuruna tal-ħajja li l-Mulej wiegħed lil dawk li jħobbuh.

13Waqt li tkunu mġarrbin, araw li ħadd ma jgħid: “Alla qiegħed iġarrabni,” għax
Alla ma jistax jiġġarrab għall-ħażin, u anqas mhu se jġarrab lil ħadd.

14Għax kull bniedem imġarrab jinġibed u jitħajjar mill-passjoni tiegħu stess.

15Imbagħad il-passjoni, meta tnissel, tiled id-dnub; u d-dnub, meta jilħaq il-
milja tiegħu, iġib il-mewt.

16La titqarrqux, aħwa għeżież tiegħi.

17Kull ħaġa tajba li tingħata u kull don perfett jiġi mis-sema, jinżel mingħand il-
Missier, l-għajn tad-dawl, li fih ma hemm ebda tibdil u anqas dell ta’ tidwir.


© 2020 Malta Bible Society.

18Għax ried hu, wilidna bil-kelma tal-verità, biex inkunu l-ewwel frott tal-
ħlejjaq tiegħu.

### Nisimgħu l-kelma u nagħmluha

19Kunu afu dan, ħuti għeżież. Araw li kull bniedem ikun ħafif biex jisma', tqil
biex jitkellem, tqil biex jinkorla.

20Għax bniedem inkurlat ma jagħmilx il-ġustizzja ta' Alla.

21Neħħu għalhekk minn fuqkom kulma hu mniġġes u kull fdal ta' ħażen, u
ilqgħu bil-ħlewwa l-kelma mħawla fikom, li tista' ssalvalkom ruħkom.

22Kunu intom dawk li jagħmlu l-kelma, u mhux tisimgħuha biss u hekk tqarrqu
bikom infuskom.

23Għax jekk xi ħadd jisma' l-kelma u ma jagħmilhiex, ikun bħal bniedem li jara
f'mera l-wiċċ li bih twieled:

24jara lilu nnifsu, jitlaq, u malajr jinsa kif kien.

25Imma dak li jgħarbel sewwa l-liġi perfetta tal-ħelsien, u jżomm sħiħ magħha,
ma jkunx wieħed li jisma' biss u jinsa, iżda jkun wieħed li jagħmilha; hieni dan
fl-għemil tiegħu.

26Jekk xi ħadd jidhirlu li hu reliġjuż, u lsienu ma jrażżnux u jqarraq b'qalbu,
fiergħa hi r-reliġjon tiegħu.

27Quddiem Alla u Missierna r-reliġjon ġenwina u bla tebgħa hija din: iżżur l-
iltiema u r-romol fl-hemm tagħhom, u żżomm ruħek bla tinġis 'il bogħod mid-
dinja.

## Ġakbu 2

### Ma nħarsux lejn l-uċuħ

1Ħuti, tħalltux il-fidi f'Ġesù Kristu, il-Mulej tagħna tal-glorja, mal-ħarsien lejn l-
uċuħ.

2Għax jekk fil-laqgħat tagħkom jidħol xi ħadd biċ-ċrieket tad-deheb f'subgħajh
u bi lbies ilellex, imbagħad jidħol xi ħaddieħor fqir liebes imċerċer,

3u intom idduru ma' dak bl-ilbies ilellex u tgħidulu: "Int oqgħod komdu
bilqiegħda" waqt li lill-fqir tgħidulu: "Int oqgħod bilwieqfa", jew "Oqgħod
bilqiegħda fuq il-mirfes ta' riġlejja",

4ma jidhrilkomx li tkunu qegħdin tagħmlu għażla bejniethom, u hekk issiru
mħallfin qarrieqa?

5Isimgħu, ħuti għeżież: mhux Alla kien li għażel lill-foqra għad-dinja biex
jistagħnew fil-fidi u jsiru werrieta tas-Saltna li hu wiegħed lil dawk li jħobbuh?


© 2020 Malta Bible Society.

6Imma intom lill-fqir inqastuh mill-ġieħ. M'humiex l-għonja li jaħqrukom?
M'humiex huma li jkaxkrukom lejn il-qrati?

7Mhumiex huma li jżebilħu dak l-isem ta' ġieħ li ġie msejjaħ fuqkom?

8Jekk tħarsu bir-reqqa l-aqwa liġi, skont ma hemm fl-Iskrittura: "Ħobb lil
għajrek bħalek innifsek", intom tkunu tagħmlu sewwa;

9imma jekk tħarsu lejn l-uċuħ, tidinbu, u l-Liġi tixlikom bħala nies li tkunu
ksirtuha.

10Għax min il-Liġi jħarisha kollha imma jiksirha f'ħaġa waħda biss, ikun ħati ta'
kollox.

11Għax dak li qal: "La tagħmilx adulterju", qal ukoll: "La toqtolx". Mela jekk inti
ma tagħmilx adulterju, imma toqtol, il-Liġi tkun ksirtha.

12Hekk għandkom titkellmu u hekk għandkom iġġibu ruħkom, bħallikieku
wasaltu biex isir ħaqq minnkom taħt liġi ta' ħelsien.

13Għax il-ħaqq ikun bla ħniena għal min ma jurix ħniena; u l-ħniena tirbaħ fuq
il-ħaqq.

## Fidi u opri

14X'jiswa, ħuti, li wieħed jgħid li għandu l-fidi jekk ma jurihiex fl-għemil tiegħu?
Jaqaw tista' ssalvah din il-fidi?

15Jekk ħuk jew oħtok ma jkollhomx x'jilbsu u jonqoshom l-ikel ta' kuljum,

16u wieħed minnkom jgħidilhom: "Morru bis-sliem, isħnu u kulu sa tixbgħu",
bla ma jagħtihom dak li hu meħtieġ għall-ġisem, dan x'jiswa?

17Hekk ukoll il-fidi: jekk tkun weħidha u ma jkollhiex l-għemil, tkun mejta fiha
nfisha.

18Imma xi ħadd jista' jgħid: "Int għandek il-fidi, u jiena l-għemil." Urini l-fidi
tiegħek mingħajr l-għemil, u jien nurik il-fidi tiegħi mill-għemil tiegħi.

19Inti temmen li Alla huwa wieħed, u tagħmel sew. U dan ix-xjaten ukoll
jemmnuh, u jitriegħdu.

20Imma kif ma tridx taf, iblah li int, li l-fidi mingħajr għemil hija fiergħa?

21Jaqaw Abraham missierna mhux mill-għemil kien iġġustifikat meta offra lil
ibnu Iżakk fuq l-artal?

22B'hekk tara kif il-fidi ħadmet id f'id mal-għemil tiegħu, u kif bil-ħila tal-għemil
il-fidi laħqet fl-aqwa tagħha

23u seħħet l-Iskrittura li tgħid: "Abraham emmen lil Alla u kien dan li
ġġustifikah" u għalhekk huwa msejjaħ ħabib ta' Alla.


© 2020 Malta Bible Society.

24Taraw, mela, li l-bniedem ikun iġġustifikat bl-għemil, mhux bil-fidi biss.

25Hekk ukoll Raħab iż-żienja; jaqaw mhux bl-għemil kienet iġġustifikata meta
laqgħet lill-messaġġiera u bagħtithom minn triq oħra?

26Għax bħalma l-ġisem mingħajr ruħ hu mejjet, hekk ukoll hi mejta l-fidi
mingħajr għemil.

## Ġakbu 3

### Irrażżnu lsienna

1Huti, la ssirux ħafna minnkom għalliema, għax tafu li aħna li ngħallmu nkunu
ġġudikati b'reqqa akbar.

2Aħna lkoll niżbaljaw, u ta' sikwit; jekk xi ħadd ma jiżbaljax f'dak li jgħid, dan
ikun perfett, kapaċi jrażżan ġismu kollu.

3Aħna nqiegħdu l-ilġiem f'ħalq iż-żwiemel biex naħkmuhom, u bih immexxu
ġisimhom kollu.

4Harsu wkoll lejn il-bastimenti: għad li jkunu kbar u jimxu mal-irjieħ qawwija,
naqra ta' tmun idawwarhom fejn irid it-tmunier.

5Hekk ukoll l-ilsien: huwa biċċa ċkejkna fil-ġisem, imma jista' jiftaħar li jagħmel
ħwejjeġ kbar. Ara, ftit nar jista' jqabbadlek foresta sħiħa;

6u l-ilsien huwa nar, huwa dinja ta' ħażen fost il-membri ta' ġisimna, iniġġes il-
ġisem kollu u jkebbes ir-ritmu tal-ħajja, hu nnifsu mkebbes mill-infern.

7Kull xorta ta' bhejjem u għasafar, kull xorta ta' bhejjem li jitkaxkru mal-art u
ta' ħut, dawn kienu u huma mmansati mill-bniedem.

8Iżda ħadd ma għandu ħila jimmansa l-ilsien; kollu deni, bla kwiet, mimli velenu
li jġib il-mewt.

9Bih aħna nbierku lill-Mulej, lil Missierna, u bih nisħtu lill-bnedmin xbieha ta'
Alla.

10Minn ilsien wieħed joħorġu l-barka u s-saħta. Dan m'għandux ikun, ħuti.

11Jaqaw jista' jnixxi ilma ħelu u ilma salmastru mill-istess għajn?

12U, ħuti, tista' s-siġra tat-tin tagħmel iż-żebbuġ? Tista' d-dielja tagħmel it-tin?
L-ilma mielaħ ma jsirx ilma ħelu.

### L-għerf tas-sema u l-għerf tal-art

13Hemm xi ħadd għaref u għaqli fostkom? Mela ħa juri bl-imġiba tajba tiegħu,
għemilu bi ħlewwa għaqlija.


© 2020 Malta Bible Society.

14Imma jekk intom għandkom l-għira u l-imrar f'qalbkom u ħsiebkom fil-ġlied,
qisu li b'hekk ma tiftaħrux u tigdbu kontra l-verità.

15Dan mhux l-għerf li ġej mis-sema, imma l-għerf ta' din l-art, tal-ġisem u tax-
xitan.

16Għax fejn hemm l-għira u l-ġlied, hemm issib it-taqlib u kull xorta ta' ħażen.

17L-għerf li ġej mis-sema, qabel kollox hu għerf safi, imbagħad hu għerf li jfittex
is-sliem, it-tjubija u l-ħlewwa; huwa kollu ħniena u frott tajjeb, bla ma jħares
lejn l-uċuħ u bla qerq.

18Dawk li jfittxu s-sliem jiżirgħu fis-sliem u jkollhom il-frott tal-ġustizzja.

## Ġakbu 4

### Il-ħbiberija mad-dinja

1Mnejn hu ġej il-ġlied u t-tilwim bejnietkom? Jaqaw mhux minn dan, mill-
passjonijiet li hemm jitqabdu f'ġisimkom?

2Tixtiequ, u ma ssibu xejn; imbagħad toqtlu, u tgħiru, bla ma tistgħu tieħdu xejn;
imbagħad tiġġieldu u titqabdu. Ma għandkom xejn għax ma titolbux.

3Titolbu, u ma tiksbux, għax titolbu ħażin: titolbu ħa jkollkom xi tberbqu fix-
xalar.

4Nies adulteri! Ma tafux li l-ħbiberija mad-dinja hija l-għadu ta' Alla? Min mela
jrid isir ħabib tad-dinja huwa għadu ta' Alla.

5Taħsbu li għalxejn l-Iskrittura tgħid: "L-Ispirtu li jgħammar fina jħobb
b'imħabba għajjura"?

6Hu jagħti grazzja akbar minn hekk: għalhekk l-Iskrittura tgħid li "Alla jieqaf
lill-kburi, u jagħti l-grazzja lill-umli".

7Mela oqogħdu għar-rieda ta' Alla. Ieqfu lix-xitan, u hu jaħrab minnkom.

8Ersqu lejn Alla, u hu jersaq lejkom. Midinbin, naddfu idejkom; nies ta' moħħ
imħawwad, saffu qlubkom.

9Agħrfu l-miżerja tagħkom, ibku, u olfqu, ħallu d-daħk tagħkom jinbidel f'niket
u l-ferħ tagħkom f'diqa.

10Iċċekknu quddiem il-Mulej, u hu jerfagħkom.

### Ma niġġudikawx

11Toqogħdux tqassu fuq xulxin, l-aħwa. Min iqassas fuq ħuh u jiġġudika lil ħuh,
ikun qiegħed iqassas fuq il-Liġi u jiġġudika l-Liġi; imma jekk inti tiġġudika l-
Liġi, ma tkunx qiegħed tagħmel dak li trid il-Liġi, imma ssir imħallef.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

12Wieħed biss huwa dak li jagħmel il-Liġi, wieħed biss l-Imħallef: dak li għandu
s-setgħa jeħles u jeqred. Int min int biex tiġġudika ’l ħaddieħor?

### Il-ftaħir żejjed

13Issa ejjew, intom li tgħidu: “Illum jew għada mmorru f’din jew dik il-belt u
nqattgħu sena hemmhekk, nixtru u nbigħu u nagħmlu l-flus,”

14u intom ma tafux x’għad isir għada. Għax x’inhi ħajjitkom? Intom bħal fwar li
jidher għal ftit u mbagħad jgħib.

15Flok ma tgħidu: “Jekk il-Mulej irid, ngħixu u nagħmlu dan jew dak,”

16tiftaħru bil-frugħat tagħkom! Kull ftaħir bħal dan huwa ħażen.

17Jekk mela xi ħadd jagħraf it-tajjeb li għandu jagħmel u ma jagħmlux, jagħmel
dnub.

## Ġakbu 5

### Twissija lill-għonja

1Ejjew issa, intom l-għonja, ibku u ixhru fuq l-għawġ li ġej fuqkom!

2Ġidkom tħassar, ħwejjiġkom kilithomlkom il-kamla.

3Id-deheb u l-fidda tagħkom rabbew is-sadid, u s-sadid tagħkom għad jixhed
kontra tagħkom u jiklilkom ġisimkom bħan-nar. Ħżintu l-ġid fl-aħħar jiem!

4Ara, il-ħlas tal-ħaddiema li ħasdu l-għelieqi tagħkom - ħlas li intom
żammejtuhulhom bil-qerq - qiegħed jgħajjat kontra tagħkom, u l-biki ta’ dawk
li ħasdu wasal f’widnejn il-Mulej tal-eżerċti.

5Fuq l-art għextu fix-xalar u l-lussu; qgħadtu tissemmnu għall-jum tal-qatla.

6Intom ikkundannajtu l-ġust, qtiltuh għax ma jistax jiqfilkom!

### Sabar u talb

7L-aħwa, stabru, sa ma jasal il-Mulej. Ara, il-bidwi joqgħod b’sabar kbir jistenna
l-frott għażiż tal-art, sa ma jieħu x-xita bikrija u mwaħħra.

8Stabru intom ukoll; qawwu qalbkom, għax il-miġja tal-Mulej hi fil-qrib.

9Tgergrux kontra xulxin, l-aħwa, biex ma tkunux iġġudikati: araw, l-Imħallef
qiegħed hawn, quddiem il-bieb!

10Bħala eżempju tat-tbatija u s-sabar, l-aħwa, ħudu l-profeti li tkellmu f’isem il-
Mulej.

11Dawk li żammew sħiħ sal-aħħar, araw, aħna nqisuhom bħala hienja. Smajtu
bis-sabar ta’ Ġob, u tafu kif bl-għajnuna tal-Mulej hu għalaq jiem ħajtu; għax il-
Mulej jaf jagħder, u hu ħanin bil-bosta.


© 2020 Malta Bible Society.

12 Imma fuq kollox, ħuti, la taħilfux, u la bis-sema u la bl-art, u tieħdu ebda
ġurament ieħor; iżda ħallu l- “iva” tagħkom ikun “iva” u l- “le” tagħkom ikun
“le”, biex hekk ma tkunux ikkundannati.

13 Hemm xi ħadd fostkom imnikket? Ħalli dan jitlob. Hemm xi ħadd ferħan? Ħalli
jkanta s-salmi.

14 Hemm xi ħadd marid fostkom? Ħalli dan isejjaħ lill-presbiteri tal-Knisja, biex
dawn jitolbu għalih u jidilkuh biż-żejt f'isem il-Mulej;

15 it-talba tal-fidi ssalva lill-marid, u l-Mulej iqajmu; u jekk ikun għamel xi
dnubiet, jinħafrulu.

16 Stqarru wieħed lill-ieħor in-nuqqasijiet tagħkom u itolbu għal xulxin, biex
hekk tfiqu. It-talba tal-bniedem ġust magħmula bil-ħerqa għandha qawwa
kbira.

17 Elija bniedem bħalna kien: meta talab bil-ħerqa biex ma tagħmilx ix-xita, għal
tliet snin u sitt xhur sħaħ ix-xita ma għamlitx fuq l-art.

18 U meta raġa' talab, is-sema radd ix-xita u l-art għamlet il-frott.

## L-aħħar kelma

19 Ħuti, jekk xi ħadd minnkom jitbiegħed mis-sewwa u xi ħaddieħor iġibu lura,

20 dan għandu jkun jaf li min iressaq lura mit-triq il-ħażina 'l xi midneb, jeħles
ruħu mill-mewt u jostor kotra ta' dnubiet.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

# 1 Pietru

## 1 Pietru 1

### Tislima

1San Pietru kiteb din l-ittra minn Ruma minn fejn ried jilħaq lill-insara mxerrda fl- Asja Minuri. bħala pellegrini f'Pontu, fil-Galazja, fil-Kappadoċja, fl-Asja u fil-Bitinja;

2magħżulin minn qabel skont il-ħsieb ta' Alla l-Missier, imqaddsin bl-Ispirtu s-Santu, biex joqogħdu għall-kelma ta' Ġesù Kristu u jkunu mraxxin b'demmu: lilkom grazzja u sliem bil-kotra.

### Tama ħajja

3Ikun imbierek Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, li fil-ħniena kbira tiegħu raġa' wilidna għal tama ħajja bil-qawmien ta' Ġesù Kristu mill-imwiet

4u għal wirt li la jitħassar, la jittabba', u lanqas jinxef. Dan il-wirt hu merfugħ għalikom fis-sema

5għax intom tinsabu taħt il-ħarsien tal-qawwa ta' Alla fil-fidi tagħkom li twassal għas-salvazzjoni li lesta biex tidher fl-aħħar taż-żminijiet.

6Għalhekk għandkom għax tifirħu mqar jekk issa, għal ftit żmien ieħor, jeħtiġilkom titnikktu taħt ħafna provi.

7Bħalma d-deheb, li jintemm, jgħaddi mill-prova tan-nar, hekk tgħaddi mill-prova l-fidi tagħkom, li tiswa aktar mid-deheb, biex ikun jistħoqqilha tasal għat-tifħir, għall-glorja, u għall-ġieħ, meta jidher Ġesù Kristu.

8Lilu, għalkemm ma rajtuhx, intom tħobbuh; fih, għad li issa m'intomx tarawh, intom temmnu; fih intom tifirħu b'ferħ glorjuż, li ma jistax jitfisser,

9waqt li tiksbu l-għan tal-fidi tagħkom, li hu s-salvazzjoni tagħkom.

10Il-profeti, li ħabbru l-grazzja li kellha tingħata lilkom, stħarrġu u tkixxfu fuq din is-salvazzjoni;

11huma kienu jitkixxfu l-mod u f'liema żmien kien qiegħed jaħseb l-Ispirtu ta' Kristu, li kien fihom, meta kien jixhdilhom minn qabel it-tbatijiet ta' Kristu u l-glorji tiegħu li kellhom jiġu warajhom.

12Lilhom kien mgħarraf li mhux għalihom infushom, imma għalikom, kien jiswa dak li huma kienu jħabbru, u li issa kien imxandar lilkom minn dawk li, bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu mibgħut mis-sema, qegħdin jagħtukom l-Evanġelju. Dawn huma ħwejjeġ li l-anġli stess jixtiequ jifhmuhom sewwa.

### Sejħa għal ħajja qaddisa

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

13Għalhekk kunu mħażżmin fir-ruħ rażżnu lilkom infuskom f'kollox; ittamaw
għalkollox fil-grazzja li għad tingħatalkom meta jidher Ġesù Kristu.

14Bħala wlied ubbidjenti, tgħixux skont il-ġibdiet ta' qabel, meta kontu
għadkom tgħixu fl-injuranza tagħkom;

15iżda, bħalma qaddis hu dak li sejħilkom, kunu intom ukoll qaddisin fl-imġiba
tagħkom kollha,

16għax hu miktub: "Kunu qaddisin, għax qaddis jien."

17Jekk intom issejħu Missier lil dak li, bla ma jħares lejn l-uċuħ, jagħmel ħaqq
minn kulħadd skont l-għemil ta' kull wieħed, għixu fil-biża' ż-żmien tal-ħajja li
qegħdin tgħaddu f'art barranija.

18Kunu afu li intom kontu mifdija mill-ħajja tagħkom fiergħa li ħadtu mingħand
missirijietkom, mhux b'xi ħaġa li tintemm, bħalma hi l-fidda jew id-deheb,

19imma bid-demm għażiż ta' Kristu, li kien bħal ħaruf bla għajb u bla tebgħa.

20Hu kien ippredestinat sa minn qabel ma saret id-dinja, imma deher fl-aħħar
taż-żminijiet minħabba fikom.

21Bih intom temmnu f'Alla, li qajmu mill-imwiet u tah il-glorja; hekk il-fidi
tagħkom hi wkoll tama f'Alla.

22Intom naddaftu rwieħkom billi qgħadtu għall-kelma tal-verità biex ikollkom
l-imħabba sinċiera tal-aħwa; ħobbu 'l xulxin b'qalbkom kollha u bil-qawwa
kollha.

23Ma twelidtux mill-ġdid minn nisel li jitħassar, imma minn nisel li ma
jitħassarx, bis-saħħa tal-kelma ta' Alla li tgħix u tibqa' għal dejjem.

24Għax "Kull bniedem hu bħal ħaxix, u l-glorja tiegħu kollha bħal ward ir-raba';
il-ħaxix jinxef u l-ward jaqa',

25 imma l-kelma tal-Mulej tibqa' għal dejjem." Din hi l-kelma tal-Evanġelju li
kien imxandar lilkom.

## 1 Pietru 2

### Il-ħaġra ħajja u l-poplu qaddis

1Warrbu, mela, 'l bogħod minnkom kull ħażen u kull qerq; warrbu l-wiċċ
b'ieħor, u l-għira u kull xorta ta' tqassis.

2Bħal trabi tat-twelid, ixxennqu għall-ħalib safi, il-ħalib tar-ruħ, biex bih tikbru
sa ma taslu għas-salvazzjoni,

3jekk intom tabilħaqq doqtu kemm hu tajjeb il-Mulej.


© 2020 Malta Bible Society.

4Ersqu, mela, lejh, li hu dik il-ġebla ħajja li kienet imwarrba mill-bennejja, imma magħżula minn Alla bħala ġebla għażiża.

5U intom ukoll, bħal ġebel ħaj, inbnew f'dar spiritwali, saċerdozju qaddis, biex toffru sagrifiċċji spiritwali li jogħġbu 'l Alla permezz ta' Ġesù Kristu.

6Għax hekk hemm miktub fl-Iskrittura: "Jien inqiegħed f'Sijon ġebla tax-xewka, magħżula u għażiża; min jemmen fiha ma jkollux għax jitħawwad."

7Għalikom, mela, li temmnu, dan huwa ġieħ! Għal dawk li ma jemmnux, "din l-istess ġebla li warrbu l-bennejja saret il-ġebla tax-xewka"

8u "ġebla ta' tiġrif u tfixkil;" tfixklu għax ma qagħdux għall-kelma ta' Alla; għal dan kienu ddestinati.

9Imma intom ġens maħtur, saċerdozju rjali, nazzjon qaddis, poplu li Alla kiseb għalih, biex ixxandru t-tifħir ta' dak li sejħilkom mid-dlam għad-dawl tiegħu tal-għaġeb.

10Intom li darba ma kontux poplu, issa sirtu l-poplu ta' Alla; intom li darba ma kontux issibu ħniena, issa sibtu l-ħniena tiegħu.

### Ngħixu bħala qaddejja ta' Alla

11Huti għeżież, nitlobkom biex bħala barranin u għorba tiċċaħħdu mix-xewqat tal-ġisem li jitqabdu kontra r-ruħ.

12Ġibu rwieħkom sewwa qalb il-pagani biex, jekk huma jgħidu fuqkom bħallikieku kontu nies ħżiena, jaraw sewwa l-għemil tajjeb tagħkom u jsebbħu 'l Alla meta jasal jum iż-żjara tiegħu.

13Għall-imħabba tal-Mulej baxxu raskom għal kull awtorità tal-bnedmin: kemm għas-sultan bħala l-aqwa wieħed,

14u kemm għall-gvernaturi, li hu qiegħed biex jikkastigaw lil min jagħmel il-ħażin u jfaħħru lil min jagħmel it-tajjeb.

15Għax din hija r-rieda ta' Alla: li bl-għemil tajjeb tagħkom issikktu fomm l-injuranza ta' nies bla għaqal.

16Għixu bħala nies ħielsa, mhux li tinqdew bil-ħelsien tagħkom biex bħallikieku tgħattu l-ħażen, imma bħala qaddejja ta' Alla.

17Agħtu ġieħ lil kulħadd. Hobbu lill-aħwa, qimu lil Alla, weġġħu lis-sultan.

### L-eżempju u s-sofferenzi ta' Ġesù

18Intom, qaddejja, oqogħdu bir-rispett kollu għas-sidien tagħkom; mhux biss għal dawk li huma twajbin u dħulin, imma wkoll għal dawk li huma ħorox.

19Għax din hi grazzja li wieħed ibati bla ħtija għal Alla, u jieħu bis-sabar it-tbatija.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

20X'mertu jkollkom li tieħdu bis-sabar is-swat meta tkunu għamiltu l-ħażen?
Imma jekk tagħmlu t-tajjeb u ssofru t-tbatija bis-sabar, din tkun grazzja
quddiem Alla.

21Għal dan intom kontu msejħa għax Kristu wkoll bata għalikom u ħallielkom
eżempju biex timxu fuq il-passi tiegħu.

22 "Hu li ma kien għamel ebda dnub, u ebda qerq ma nstab f'fommu,"

23meta għajruh ma weġibx bit-tagħjir; meta bata ma heddidx imma ħalla f'idejn
l-Imħallef ġust.

24Hu tgħabba bi dnubietna sa fuq is-salib, biex aħna mmutu għad-dnubiet u
ngħixu għall-ġustizzja. Bil-ġrieħi tiegħu intom fieqtu.

25Intom kontu bħal nagħaġ mitlufa, imma issa rġajtu lura għand ir-Ragħaj u l-
Għassies ta' ruħkom.

## 1 Pietru 3

### Il-ħajja tal-miżżewġin

1Hekk ukoll, intom in-nisa oqogħdu għas-setgħa ta' żwieġkom biex, jekk ikunu
minn dawk li għadhom ma semgħux mill-kelma tal-Evanġelju, jintrebħu, mhux
bil-kliem, imma bl-imġiba tan-nisa tagħhom,

2xħin jarawkom iġġibu ruħkom kif jixraq magħhom u bir-rispett.

3Ha tkun is-sbuħija tagħkom mhux dik li tidher minn barra bħad-tiżjin tax-
xagħar u t-tiżjin tad-deheb u l-ilbies ilellex,

4imma dik li hi moħbija f'qalbkom, imlibbsa b'tiżjin li ma jitħassarx; hi l-qalb
ħelwa u twajba tagħkom; dan hu li Alla jgħożż ħafna.

5Hekk dari kienu jiżżejnu dawk in-nisa qaddisa li kienu jittamaw f'Alla; kienu
joqogħdu għas-setgħa ta' żwieġhom.

6Hekk kienet tagħmel Sara li kienet tisma' minn Abraham u kienet issejjaħlu
"Sidi". U intom sirtu wliedha, jekk tagħmlu s-sewwa bla ma tibżgħu minn xejn.

7Intom ukoll, irġiel, għammru bl-għaqal man-nisa tagħkom; agħtuhom il-ġieħ li
ħaqqhom, kemm għax huma aktar dgħajfa minnkom u kemm għax huma wkoll
imsejħa għall-grazzja tal-ħajja. Hekk ma ssibux tfixkil fit-talb tagħkom.

### Inbatu għall-ġustizzja

8Fl-aħħar nett ngħidilkom, kunu lkoll fehma waħda, ħossu għal xulxin, inħabbu
bħal aħwa b'qalb ħanina u umli.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

9La troddux deni b'deni jew tagħjir b'tagħjir; imma għall-kuntrarju, wieġbu bil-barka tagħkom, għax għal dan intom kontu msejħa, biex tkunu werrieta tal-barka ta' Alla.

10Għax kif hemm miktub: "Min irid iħobb 'il ħajtu u jara jiem hienja, ħa jħares ilsienu mill-ħażen u xufftejh mill-qerq;

11 ħa jaħrab il-ħażen u jagħmel it-tajjeb, ifittex is-sliem u jqis li jiksbu.

12 Għax għajnejn il-Mulej huma fuq il-ġusti u widnejh miftuħa għat-talb tagħhom. Imma l-Mulej ħarstu fuq dawk li jagħmlu l-ħażen."

13Min jista' jagħmlilkom il-ħsara jekk tkunu ħerqana għat-tajjeb?

14Jekk stess tbatu minħabba s-sewwa, henjin intom! Tibżgħux minnhom u titħawdux.

15Lill-Mulej Kristu qaddsu f'qalbkom. Kunu dejjem lesti biex tagħtu tweġiba lil kull min jitlobkom il-għala tat-tama li għandkom;

16imma wieġbu bil-ħlewwa u bir-rispett. Żommu safja l-kuxjenza tagħkom biex, meta jgħidu fuqkom, dawk stess li jkasbru l-imġiba tajba tagħkom fi Kristu jkollhom għalxiex jistħu.

17Jekk din tkun ir-rieda ta' Alla, aħjar tbati għax tkun għamilt it-tajjeb milli għax tkun għamilt il-ħażin.

18Għax Kristu wkoll miet darba għal dejjem minħabba d-dnubiet; hu li kien ġust, miet għall-inġusti biex iressaqkom lejn Alla; kien mogħti l-mewt fil-ġisem, imma ħa l-ħajja fl-ispirtu,

19li bih mar ixandar is-salvazzjoni lill-erwieħ li kienu magħluqa fil-ħabs.

20Dawn kienu l-erwieħ ta' dawk li darba ma ridux jisimgħu, meta Alla qagħad jistenna bis-sabar fiż-żmien li Noè kien jibni l-arka. Ftit, jiġifieri tmienja biss, salvaw bis-saħħa tal-ilma.

21Dan l-ilma huwa tixbiha tal-magħmudija, li issa ssalva lilkom ukoll. Mhux għax tnaddaf il-ħmieġ tal-ġisem, imma għax hi talba lil Alla ħierġa minn kuxjenza safja bis-saħħa tal-qawmien ta' Ġesù Kristu,

22li tela' s-sema u qiegħed fuq il-lemin ta' Alla u għandu taħtu s-Setgħat u l-Qawwiet tal-anġli.

## 1 Pietru 4

### Amministraturi tal-grazzja ta' Alla

1Ladarba Kristu bata f'ġismu, intom ukoll armaw ruħkom bl-istess ħsieb, jiġifieri li kull min bata f'ġismu ma għandux x'jaqsam iżjed mad-dnub

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

2kemm itul iż-żmien li għad baqagħlu fil-ħajja tal-ġisem; ma jgħixx skont il-passjonijiet tal-bnedmin, imma skont ir-rieda ta' Alla.

3Biżżejjed li fl-imgħoddi kontu tagħmlu r-rieda tal-pagani u tgħixu ħajja żienja f'passjoni bla rażan, f'sokor, fi tbahrid sfrenat, f'xorb żejjed u fl-idolatrija moqżieża tal-allat.

4Issa li ma għadkomx titħalltu magħhom f'dan il-ġenn ta' żina jistagħġbu bikom u jistkerrhukom.

5Imma ta' dan għad iridu jagħtu kont lil dak li qiegħed hemm biex jagħmel ħaqq mill-ħajjin u mill-mejtin.

6Kien għalhekk li l-Evanġelju kien imxandar lill-mejtin ukoll, biex għalkemm skont il-bnedmin kienu kkundannati fil-ġisem, issa jgħixu skont Alla fl-ispirtu.

7Qrib hu t-tmiem ta' kollox; għalhekk kunu għaqlin u meqjusin biex tagħtu ruħkom għat-talb.

8Fuq kollox, ħa jkollkom imħabba sħiħa lejn xulxin, għax l-imħabba tgħatti kotra ta' dnubiet.

9Ilqgħu 'l xulxin bla tgergir.

10Kull wieħed minnkom jgħix skont id-don li rċieva u jinqeda bih għall-ġid tal-oħrajn; hekk tkunu amministraturi tajbin tal-grazzja ta' Alla, li hi ta' ħafna xorta.

11Jekk xi ħadd għandu d-don tal-kelma, jippriedka l-kliem ta' Alla; jekk xi ħadd għandu d-don tal-ministeru, iħaddmu bis-setgħa li Alla tah, u hekk f'kollox ikun igglorifikat Alla b'Ġesù Kristu, li tiegħu huma l-glorja u s-setgħa għal dejjem ta' dejjem! Ammen.

## Is-sofferenza tan-nisrani

12Ħuti għeżież, tistagħġbux għax tinsabu fil-forġa qalila tan-nar, li ġiet fuqkom biex iġġarrabkom, bħallikieku ġratilkom xi ħaġa mhux tas-soltu.

13Imma ifirħu, għax b'hekk intom qegħdin tissieħbu fit-tbatijiet ta' Kristu, biex aktar tifirħu u tithennew fid-dehra tal-glorja tiegħu.

14Jekk tkunu mkasbrin minħabba l-isem ta' Kristu, henjin intom! Fuqkom għandkom l-Ispirtu tal-glorja, li hu l-Ispirtu ta' Alla.

15Jalla ma jkun hemm ħadd minnkom li jkollu jbati għax qattiel jew ħalliel, jew jagħmel id-deni jew jindaħal fejn ma jesgħux.

16Imma jekk wieħed isofri għax hu nisrani, m'għandux mniex jistħi, ħa jfaħħar lil Alla b'dan l-isem.


© 2020 Malta Bible Society.

17Għax issa wasal iż-żmien tal-ġudizzju, li jibda mid-dar ta' Alla. U jekk l-ewwel jibda minna, kif sa jeħilsuha dawk li ma jridux joqogħdu għall-Evanġelju ta' Alla?

18U jekk "il-ġust bilkemm isalva, x'se jsir mill-ħażin u mill-midneb?"

19Mela, dawk li jbatu skont ir-rieda ta' Alla, għandhom iħallu ruħhom f'idejn il-Ħallieq tagħhom, li hu ta' kelmtu, u jibqgħu jagħmlu t-tajjeb.

## 1 Pietru 5

### Ir-rgħajja u l-merħla ta' Alla

1Nitlob lill-presbiteri li hemm fostkom, bħala presbiteru jien ukoll u xhud tat-tbatijiet ta' Kristu, u bħala wieħed li għandu sehem mill-glorja li għad trid tidher:

2irgħu l-merħla ta' Alla fdata f'idejkom. Hudu ħsiebha, mhux bilfors, imma minn qalbkom, kif irid Alla; mhux għall-qligħ baxx, imma bil-ħeġġa tal-imħabba;

3mhux bħallikieku taħkmu bil-qawwa fuq dawk li messewkom b'xortikom, imma billi tkunu eżempju tal-merħla.

4Imbagħad, meta jidher ir-Ragħaj il-Kbir, tiksbu l-kuruna tal-glorja minsuġa minn ward li ma jidbielx.

5Hekk ukoll intom iż-żgħażagħ, oqogħdu għall-kelma tal-presbiteri. Ilkoll kemm intom, imbagħad, ilbsu l-umiltà ma' xulxin għax "Alla jeqfilhom lill-kburin, imma lill-umli jagħtihom il-grazzja."

6Kunu mela umli taħt l-id setgħana ta' Alla, biex hu jerfagħkom meta jkun il-waqt.

7Ixħtu fuqu l-ħsibijiet kollha tagħkom għax hu jaħseb fikom.

8Kunu meqjusa u għassu. L-għadu tagħkom ix-Xitan qisu ljun jgħajjat, idur u jfittex 'il min se jibla'.

9Iqfulu, sħaħ fil-fidi. Intom tafu li ħutkom, imxerrdin fid-dinja, qegħdin jaqsmu magħkom l-istess tbatijiet tagħkom.

10Imbagħad, wara li tkunu batejtu għal ftit żmien, Alla li jagħti kull grazzja, li sejħilkom għall-glorja tiegħu ta' dejjem fi Kristu, hu nnifsu jerġa' jġeddidkom, iwettaqkom, isaħħaħkom u jqegħedkom fis-sod.

11Tiegħu hi s-setgħa għal dejjem! Ammen.

### L-aħħar tislijiet

12Ktibtilkom dan il-ftit kliem permezz ta' Silvanu, li għalija hu ħija fidil, biex inħeġġiġkom u nixhdilkom li din hi tassew il-grazzja ta' Alla. Żommu sħiħ fiha!

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

13Il-knisja, li hi f'Babilonja, magħżula bħalkom, isselli għalikom. Iselli wkoll
għalikom Marku, ibni.

14Sellmu lil xulxin b'bewsa ta' mħabba. Is-sliem lilkom ilkoll, li intom fi Kristu!

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

# 2 Pietru

## 2 Pietru 1

### Tislima

1Xmun Pietru, qaddej u appostlu ta' Ġesù Kristu, lil dawk, li, għall-ġustizzja ta' Alla u s-Salvatur tagħna Ġesù Kristu, kellhom ix-xorti li jkollhom fidi għażiża daqs tagħna:

2grazzja lilkom u sliem bil-kotra, bis-saħħa tal-għarfien sħiħ tagħkom ta' Alla u ta' Ġesù Sidna.

### Is-sejħa tan-nisrani

3Is-setgħa tiegħu ta' Alla tatna dak kollu li hu meħtieġ għall-ħajja u t-tjieba, billi għarrfitna 'l Dak li sejħilna għall-glorja u l-qawwa tiegħu nnifsu.

4Bis-saħħa ta' dawn huwa tana l-egħżeż u l-akbar ġid li kien wegħedna, biex bih - wara li tkunu ħlistu mit-taħsir li hawn fid-dinja ħtija tal-ġibdiet ħżiena - tissieħbu fin-natura ta' Alla.

5Għalhekk, mela, kunu ħerqana biex iżżidu mal-fidi l-virtù, mal-virtù l-għerf;

6mal-għerf ir-rażna; mar-rażna s-sabar; mas-sabar it-tjieba;

7mat-tjieba l-ħbiberija tal-aħwa; mal-ħbiberija tal-aħwa l-imħabba.

8Jekk ikollkom dawn il-kwalitajiet u tkattruhom fikom, ma jħallukomx rieqda u bla frott fl-għarfien tagħkom ta' Sidna Ġesù Kristu.

9Min hu nieqes minnhom hu agħma, ma jarax sewwa; nesa li ġie mnaddaf minn dnubietu tal-imgħoddi.

10Għalhekk, l-aħwa, b'ħeġġa akbar għandkom tfittxu li ssaħħu s-sejħa u l-għażla tagħkom; għax jekk tagħmlu hekk, ma titfixklu qatt.

11U hekk ikollkom miftuħ beraħ quddiemkom il-bieb tad-dħul fis-saltna ta' dejjem ta' Sidna u s-Salvatur tagħna Ġesù Kristu.

12Għalhekk jien bi ħsiebni nibqa' dejjem infakkarkom fuq dawn il-ħwejjeġ, għalkemm tafuhom u intom sħaħ fil-verità li hi fikom.

13Jidhirli li hi ħaġa flokha li, sakemm jien f'dan il-ġisem, inżommkom imħeġġin billi nibqa' nfakkarkom;

14għax jien naf li dalwaqt ikolli nħalli dan il-ġisem, kif għarrafni Sidna Ġesù Kristu.

15Imma rrid nieħu ħsieb li, ukoll wara li nkun tlaqt, intom tibqgħu tiftakru kull ħin f'dawn il-ħwejjeġ.

### Il-glorja ta' Kristu u l-profezija

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

16Aħna ma konniex qegħdin nibnu fuq ħrejjef maħluqa minn moħħna meta għarrafniekom dwar il-qawwa ta' Sidna Ġesù Kristu u dwar il-miġja tiegħu. Rajna b'għajnejna aħna stess il-kobor tiegħu

17meta hu ħa mingħand Alla l-Missier ġieħ u sebħ, u leħen mit-Tron Glorjuż instama' jgħid għalih: "Dan hu Ibni, l-għażiż tiegħi, li bih jiena nitgħaxxaq."

18Aħna smajnieh dan il-leħen ġej mis-sema meta konna miegħu fuq il-muntanja mqaddsa.

19U hekk għandna mwettqa aħjar il-kelma tal-profeti. Tagħmlu sewwa jekk toqogħdu attenti għaliha; hi bħal fanal li jagħti d-dawl f'post mudlam, sa ma jibda jbexbex il-jum u f'qalbkom titla' l-kewkba ta' filgħodu.

20Dan fuq kollox għandkom tkunu tafu: li l-ebda profezija tal-Iskrittura ma għandu ħadd ifissirha minn rasu.

21Għax qatt ma kien li xi profezija ġiet mir-rieda tal-bnedmin; imma, meta l-bnedmin tkellmu f'isem Alla, dan għamluh għax kienu mqanqlin mill-Ispirtu s-Santu.

## 2 Pietru 2

### L-għalliema u l-profeti foloz

1Dehru wkoll profeti foloz fost il-poplu, kif għad ikun hemm għalliema foloz fostkom. Dawn idaħħlu firdiet, li jġibu l-qerda, sa jaslu biex jiċħdu s-Sid li għalih kisibhom u malajr iġibu l-qerda fuqhom infushom.

2Ikun hemm ħafna li jimxu skont l-imġiba bla rażan tagħhom, u ħtija tagħhom tkun imkasbra t-triq tal-verità.

3Imqanqlin mir-regħba tagħhom, jagħmlu negozju minn fuqkom bi kliem qarrieq. Imma l-kundanna tagħhom ġa ilha minn żmien taħdem, u l-qerda tagħhom ma raqditx.

4Jekk Alla ma ħafirhiex lill-anġli li dinbu, imma tefagħhom fil-ħofor mudlama tal-infern biex hemm jinżammu sa jum il-ġudizzju;

5jekk ma ħafirhiex lid-dinja tal-qedem - barra minn Noè, il-ħabbâr tal-ġustizzja, u sebgħa min-nies oħra - meta bagħat id-dulluvju fuq id-dinja tal-ħażen;

6jekk ikkundanna l-bliet ta' Sodoma u Gomorra biex ikunu maħruqa sa ma jsiru rmied u bihom ħalla tagħlima għal dawk il-ħżiena li kellhom jiġu wara

7u ħeles biss lil Lot, raġel ġust, mifni kif kien ħtija tal-imġiba bla rażan tal-ħżiena

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

8- għax dan ir-raġel ġust, waqt li kien jgħix magħhom, b'dak li kien jara u jisma' minn jum għal ieħor, kien iħoss qalbu tingħafas quddiem l-imġiba ħażina tagħhom;

9jaf mela l-Mulej jeħles it-tajbin mit-tiġrib u jħalli l-ħżiena biex jieħdu l-kastig f'jum il-ġudizzju.

10L-aktar imbagħad 'il dawk li jgħixu skont il-ġibdiet tal-ġisem u li jkasbru s-setgħa tal-Mulej; nies wiċċhom bla mistħija, kburin, li ma jibżgħux ikasbru l-ħlejjaq glorjużi tas-sema.

11Madankollu l-anġli, għalkemm akbar fil-qawwa u fis-setgħa, ma jkasbruhomx u ma jakkużawhomx quddiem il-Mulej.

12Imma dawn, bħal bhejjem bla raġuni li minnhom infushom twieldu biex ikunu maqbuda u maqtula, ikasbru dak li ma jagħrfux. Għalhekk bħal bhejjem jinqerdu,

13jieħdu l-ħlas tal-ħażen li għamlu. Għalihom il-pjaċir tagħhom hu x-xalar ta' binhar; huma tbajja' u ħmieġ fostkom; jieklu magħkom u gostihom iqarrqu bikom.

14Għajnejhom medhijin bin-nisa żienja, ma jixbgħu qatt mid-dnub u jqarrqu bid-dgħajfin; qalbhom imdorrija fir-regħba. Misħutin li huma!

15Tbiegħdu mit-triq id-dritta u ntilfu; imxew wara Balgħam, bin Bosor, li għażel qligħ il-ħażen,

16imma li kien imċanfar għall-ħsara li għamel, meta ħmar tat-tagħbija bla kliem tkellem bħal bniedem u rażżan il-bluha tal-profeta.

17Huma għejun bla ilma u sħab misjuq mir-riefnu; dlamijiet l-aktar koroh hemm lesti għalihom.

18Għax dawn bil-kliem kburi u fieragħ tagħhom u bil-ġibdiet ħżiena tal-ġisem iqarrqu b'dawk li bilkemm għadhom kemm ġew meħlusin minn ma' dawk li jgħixu fl-iżball.

19Iwegħduhom il-ħelsien, waqt li huma stess imjassrin mit-taħsir; għax bniedem hu lsir ta' min jirbħu.

20Għax jekk, wara li ħelsu mill-ħażen tad-dinja bis-saħħa tal-għarfien ta' Sidna u s-Salvatur tagħna Ġesù Kristu, reġgħu tħabblu fih u ntrebħu minnu, il-qagħda tagħhom tal-aħħar sa tkunilhom agħar minn tal-ewwel.

21Kien ikun aħjar għalihom li ma għarfu qatt it-triq tas-sewwa milli, wara li għarfuha, reġgħu lura mill-kmandament imqaddes li ngħata lilhom.

22Ġralhom kif jgħid sewwa l-proverbju: "Il-kelb idur għall-vomtu tiegħu", u "Il-ħanżira l-maħsula titmiegħek fit-tajn."

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

## 2 Pietru 3

### It-tieni miġja ta' Ġesù Kristu

1Din hi t-tieni ittra li qiegħed niktbilkom, ħuti għeżież. Fihom it-tnejn nifhem
inqajjem fikom ħsibijiet sbieħ billi nfakkarkom f'dak li diġà tafu.

2Ftakru fil-kliem li diġà qalu l-profeti qaddisa, u wkoll fil-kmandament tal-
Mulej u s-Salvatur tagħna, li wasslulkom l-appostli tagħkom.

3Dan għandkom tkunu tafu, l-ewwel nett: li fl-aħħar jiem jiġu nies kollhom
tmaqdir u jwaqqgħu kollox għaż-żufjett, nies li jaġixxu skont ix-xewqat ħżiena
tagħhom;

4u jibdew jgħidu: "Fejn hi l-wegħda tal-miġja tiegħu? Għax sa minn meta mietu
missirijietna, kollox baqa' miexi kif kien sa mill-bidu tal-ħolqien."

5Dawn jinsew, għax iridu, li sa minn żmien ilu kienu s-smewwiet u l-art, li saret
mill-ilma u żżomm bl-ilma bis-saħħa tal-kelma ta' Alla;

6kien ukoll bl-ilma li d-dinja ta' dak iż-żmien tgħarrqet u ntilfet.

7Hekk ukoll bl-istess kelma ta' Alla s-smewwiet u l-art tal-lum huma merfugħin
għall-ħruq, miżmumin sa jum il-ġudizzju, li jkun jum it-telfien tal-ħżiena.

8Dan għandkom tkunu tafu, ħuti għeżież: li quddiem il-Mulej jum wieħed hu
bħal elf sena, u elf sena bħal jum wieħed.

9Mhux għax jiddawwar il-Mulej li jtemm il-wegħdiet tiegħu, kif jaħsbu xi wħud,
imma qiegħed jistabar bikom għax ma jridx li xi ħadd jintilef, imma li kulħadd
jersaq għall-indiema.

10Jasal, tabilħaqq, Jum il-Mulej bħal ħalliel; jintemmu mbagħad is-smewwiet bi
ħsejjes kbar, jinħallu bin-nar l-elementi tad-dinja, u l-art b'kulma fiha tkun
maħruqa min-nar.

11Ladarba hekk kollox għandu jintemm, araw daqsxejn kif għandkom iġġibu
ruħkom, kemm għandha tkun qaddisa u tajba ħajjitkom,

12waqt li tistennew b'ħerqa kbira l-miġja tal-Jum ta' Alla. Hu minħabba f'dan il-
Jum li s-smewwiet jinħarqu u jinħallu, u l-elementi tad-dinja jinqerdu bin-nar.

13Imma aħna, skont il-wegħda tiegħu, nistennew smewwiet ġodda u art ġdida,
li fihom tgħammar il-ġustizzja.

14Għalhekk, ħuti għeżież, waqt li nistennew dan kollu, qisu li jsibkom fis-sliem,
bla tebgħa u bla dnub.

15Is-sabar li bih il-Mulej jeħodna qisuh bħala salvazzjoni tagħna. Hekk ukoll
kitbilkom Pawlu, ħuna l-għażiż, skont l-għerf li ngħata lilu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

16Hekk kiteb fl-ittri kollha tiegħu, li fihom tkellem fuq din il-ħaġa. Dawn l-ittri fihom xi ħwejjeġ li huma tqal biex wieħed jifhimhom, u dawk li ma jifhmux u li mhumiex sħaħ biżżejjed ifissruhom ħażin għat-telfien tagħhom stess; hekk jagħmlu wkoll mill-kotba l-oħra tal-Iskrittura.

17Intom, mela, ħuti għeżież, ladarba tafu dan, għassu sewwa li ma tisfawx maħkuma mill-iżbalji ta' dawn in-nies bla rażan u taqgħu mnejn tinsabu fis-sod.

18Ikbru fil-grazzja u fl-għarfien ta' Sidna u s-Salvatur tagħna Ġesù Kristu. Lilu glorja issa u għal dejjem.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

# 1 Ġwanni

## 1 Ġwanni 1

### Il-Verb tal-ħajja

1Dak li kien mill-bidu, dak li aħna smajna, li rajna b'għajnejna, li lejh ħarisna u
li messew idejna, jiġifieri l-Verb tal-ħajja, dan sejrin inxandrulkom.

2Għax il-ħajja dehret u aħna rajnieha u qegħdin nixhdu għaliha. Qegħdin
inxandrulkom il-ħajja ta' dejjem li kienet għand il-Missier u dehret lilna.

3Qegħdin inxandrulkom dak li aħna rajna u smajna, biex intom tissieħbu
magħna, u l-għaqda tagħna tkun mal-Missier u ma' Ibnu Ġesù Kristu.

4U qegħdin niktbu dan biex il-ferħ tagħkom ikun sħiħ.

### Alla hu dawl

5Din hi l-aħbar li smajna mingħandu u li qegħdin inxandrulkom: li Alla hu dawl
u ebda dlam ma hemm fih.

6Jekk ngħidu li aħna mseħbin miegħu imma nimxu fid-dlam, inkunu qegħdin
nigdbu u ma nagħmlux il-verità.

7Iżda jekk nimxu fid-dawl, kif inhu fid-dawl hu stess, aħna nissieħbu flimkien,
u d-demm ta' Ġesù Kristu Ibnu jnaddafna minn kull dnub.

8Jekk ngħidu li m'għandniex dnub, inkunu qegħdin inqarrqu bina nfusna u l-
verità ma tkunx fina.

9Jekk nistqarru dnubietna, hu fidil u ġust, hekk li jaħfrilna dnubietna u
jnaddafna minn kull ħażen.

10Jekk ngħidu li ma dnibniex, inkunu qegħdin ingiddbuh, u kelmtu ma tkunx
fina.

## 1 Ġwanni 2

### Kristu d-difensur tagħna

1Uliedi, dan qiegħed niktibhulkom biex ma tidinbux; imma jekk xi ħadd jidneb,
aħna għandna Difensur quddiem il-Missier, lil Ġesù Kristu, il-ġust.

2U hu jħallas għal dnubietna, mhux għal tagħna biss, iżda wkoll għal dawk tad-
dinja kollha.

3U b'dan nafu li nagħrfu 'l Ġesù: jekk inżommu l-kmandamenti tiegħu.

4Min jgħid "Jiena nafu" u ma jżommx il-kmandamenti tiegħu, hu giddieb u l-
verità mhijiex fih.


© 2020 Malta Bible Society.

5Iżda kull min iżomm il-kelma tiegħu, fih hemm tassew l-imħabba ta' Alla fil-
milja tagħha. B'dan nagħrfu li aħna fih.

6Min jgħid li qiegħed jgħammar fih, jeħtieġ li hu jgħix kif għex hu stess.

### Il-kmandament il-ġdid

7Għeżież, m'iniex niktbilkom xi kmandament ġdid, imma kmandament qadim li
kellkom sa mill-bidu. Il-kmandament il-qadim hi l-kelma li intom smajtu.

8Madankollu kmandament ġdid qiegħed niktbilkom, għax seħħ tassew fi Kristu
u fikom, għax id-dlam għadda u d-dawl tassew ġa qiegħed jiddi.

9Min jgħid li qiegħed fid-dawl, u jobgħod 'il ħuh, għadu fid-dlam sa issa.

10Min iħobb 'il ħuh, jgħammar fid-dawl, u fih ma hemm ebda tfixkil.

11Iżda min jobgħod 'il ħuh, jinsab fid-dlam, jimxi fid-dlam, u ma jafx fejn hu
sejjer, għax id-dlam għemielu għajnejh.

12Qiegħed nikteb lilkom, uliedi, għax intom dnubietkom maħfura bis-saħħa ta'
ismu.

13Qiegħed nikteb lilkom, missirijiet, għax intom għaraftu 'l dak li hu sa mill-
bidu. Qiegħed nikteb lilkom, żgħażagħ, għax intom għelibtu l-Ħażin.

14Ktibt lilkom, tfal, għax intom għaraftu lill-Missier. Ktibt lilkom, missirijiet,
għax intom għaraftu lil dak li hu sa mill-bidu. Ktibt lilkom, żgħażagħ, għax intom
qawwija u l-kelma ta' Alla qiegħda tgħammar fikom u intom għelibtu l-Ħażin.

15Tħobbux id-dinja u anqas dak li hemm fiha. Jekk xi ħadd iħobb id-dinja, l-
imħabba tal-Missier ma tgħammarx fih.

16Kulma fiha d-dinja, jiġifieri l-ġibda tal-ġisem u l-ġibda tal-għajnejn u l-kburija
tal-ħajja, dan mhuwiex ġej mill-Missier imma mid-dinja.

17U d-dinja bil-ġibdiet tagħha tgħaddi, iżda min jagħmel ir-rieda ta' Alla jibqa'
għal dejjem.

### L-Antikrist

18Uliedi, waslet l-aħħar siegħa. Smajtu li għandu jiġi l-antikrist. Issa, araw, ħafna
antikristi ġa dehru minn issa. U minn dan nagħrfu li waslet l-aħħar siegħa.

19Dawn ħarġu minn fostna imma ma kinux minn tagħna; li kieku kienu minn
tagħna kienu jibqgħu magħna. Għalhekk kien jeħtieġ li jkun magħruf li mhux
kulħadd kien magħna.

20Intom, iżda, għandkom id-dilka mill-Qaddis u dan tafuh ilkoll.

21Ma ktibtilkomx bħallikieku ma tafux il-verità, imma għax tafuha, u tafu wkoll
li ebda qerq ma jitnissel mill-verità.


© 2020 Malta Bible Society.

22Min hu l-giddieb jekk mhux min jiċħad li Ġesù hu l-Messija? Dan hu l-antikrist, li jiċħad lill-Missier u lill-Iben.

23Kull min jiċħad lill-Iben, anqas lill-Missier ma għandu; min jistqarr lill-Iben, għandu lill-Missier ukoll.

24Intom, iżda, jalla jgħammar fikom dak li smajtu sa mill-bidu; għax jekk jgħammar fikom dak li smajtu sa mill-bidu, intom ukoll tgħammru fl-Iben u fil-Missier.

25Din hi l-wegħda li hu nnifsu għamlilna: il-wegħda tal-ħajja ta' dejjem.

26Ktibtilkom dan dwar dawk li jridu jqarrqu bikom.

27Madankollu fikom qiegħda tgħammar id-dilka li rċevejtu mingħandu, u
għalhekk intom ma għandkomx bżonn min joqgħod jgħallimkom. Għax id-dilka
tiegħu tgħallimkom hi dwar kollox, u t-tagħlim tagħha hu veru, u mhuwiex xi
gidba. U ladarba hu hekk, mela ibqgħu dejjem fih kif għallmitkom hi.

### Ulied Alla

28U issa, uliedi, ibqgħu fih, ħalli nkunu qalbna qawwija meta huwa jidher, u ma
nġarrbux il-mistħija li nitwarrbu minnu meta jiġi.

29Jekk tafu li huwa ġust, tafu wkoll li dawk kollha li l-għemil tagħhom huwa ġust
huma mnisslin minnu.

## 1 Ġwanni 3

1Araw b'liema għożża ħabbna l-Missier; nistgħu nissejħu wlied Alla, u hekk
aħna tassew. Għalhekk id-dinja ma tagħrafniex, għax ma għarfitx lilu.

2Għeżież, issa aħna wlied Alla, imma x'se nkunu 'l quddiem mhuwiex irrivelat
lilna. Madankollu nafu li meta jidher hu, aħna nkunu bħalu, għax narawh kif
inhu.

3Kull min għandu din it-tama fih, jissaffa bħalma safi huwa Kristu.

4Kull min jagħmel id-dnub jikser ukoll il-liġi; għax id-dnub huwa l-ksur tal-liġi.

5U intom tafu li Ġesù deher biex ineħħi d-dnubiet, hu, li ma hemm ebda dnub
fih.

6Kull min jgħammar fih ma jidnibx; iżda kull min jidneb, lil Ġesù la rah u lanqas
għarfu.

7Uliedi, tħallux min iqarraq bikom. Min jagħmel il-ġustizzja, hu ġust fih innifsu,
bħalma Kristu huwa ġust.

8Iżda min jagħmel id-dnub ġej mix-Xitan, għax ix-Xitan dineb sa mill-bidu. Kien
għalhekk li deher l-Iben ta' Alla, biex iħott kulma għamel ix-Xitan.


© 2020 Malta Bible Society.

9Kull min hu mwieled minn Alla ma jagħmilx dnub, għax iż-żerriegħa ta' Alla
tibqa' fih; ma jistax jidneb, għax hu mwieled minn Alla.

10B'dan jidhru min huma wlied Alla u min huma wlied ix-Xitan; għax min ma
jagħmilx il-ġustizzja mhuwiex minn Alla, anqas min ma jħobbx lil ħuh.

### Ħobbu lil xulxin

11Għax l-aħbar li smajtu sa mill-bidu hija din: li nħobbu lil xulxin.

12Mhux bħal Kajin, li kien mill-Ħażin u qatel lil ħuh. U għaliex qatlu? Għax
għemilu kien ħażin u dak ta' ħuh kien tajjeb.

13L-aħwa, tistagħġbux jekk id-dinja tobgħodkom.

14Nafu li għaddejna mill-mewt għall-ħajja; dan nafuh għax inħobbu lil ħutna;
min ma jħobbx jinsab fil-mewt.

15Kull min jobgħod lil ħuh hu qattiel, u intom tafu li ebda qattiel ma għandu fih
il-ħajja ta' dejjem.

16B'dan naslu biex nagħrfu x'inhi l-imħabba: li Ġesù Kristu ta ħajtu għalina.
Aħna wkoll mela għandna nagħtu ħajjitna għall-aħwa.

17Mela jekk wieħed għandu biex jgħix fid-dinja u jara 'l ħuh fil-bżonn u jagħlaq
qalbu għalih, kif tista' l-imħabba ta' Alla tgħammar fih?

18Uliedi, ma nħobbux bil-kliem u t-tpaċpiċ, imma bl-għemil u bis-sewwa.

### Il-fiduċja f'Alla

19Minn dan naslu li nagħrfu li aħna fil-verità, u quddiem Alla nserrħu l-
kuxjenza tagħna,

20jekk il-kuxjenza ċċanfarna, għax Alla hu aqwa mill-kuxjenza tagħna, u hu jaf
kollox.

21Għeżież, jekk il-kuxjenza tagħna ma ċċanfarniex, aħna qalbna qawwija
quddiem Alla,

22u kulma nitolbu naqilgħuh mingħandu, għax qegħdin inżommu l-
kmandamenti tiegħu u nagħmlu dak li jogħġob lilu.

23Dan hu l-kmandament tiegħu: li nemmnu fl-isem ta' Ibnu Ġesù Kristu, u
nħobbu 'l xulxin, kif wissiena hu.

24Min iżomm il-kmandamenti tiegħu jgħammar f'Alla u Alla fih. B'hekk nagħrfu
li hu jgħammar fina: bl-Ispirtu li hu tana.

## 1 Ġwanni 4

### L-Ispirtu ta' Alla u l-ispirtu tal-antikrist

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

1Għeżież, mhux lil kull xorta ta' spirti għandkom temmnu. L-ispirti stħarrġuhom, biex taraw ikunux ġejjin minn Alla; għax kienu ħafna l-profeti foloz li ħarġu fid-dinja.

2L-ispirtu ta' Alla tagħrfuh b'dan: kull spirtu, li jistqarr li Ġesù Kristu sar bniedem, hu minn Alla.

3U kull spirtu, li ma jistqarrx lil Ġesù, mhuwiex minn Alla; dan hu l-ispirtu tal-antikrist, li intom smajtu li għandu jiġi, anzi minn issa stess ġa qiegħed fid-dinja.

4Intom ġejjin minn Alla, uliedi, u ġa għelibtuhom, għax dak li hemm jgħammar fikom hu akbar minn dak li hemm fid-dinja.

5Dawk huma mid-dinja; għalhekk jitkellmu skont id-dinja, u d-dinja lilhom tagħti widen.

6Aħna, iżda, ġejjin minn Alla; mela min jagħraf 'l Alla jisma' lilna, u min mhuwiex minn Alla ma jagħtiniex widen. Minn dan nagħrfu liema hu l-ispirtu tal-verità u liema hu l-ispirtu tal-gideb.

### Alla huwa mħabba

7Għeżież, ejjew inħobbu 'l xulxin, għax l-imħabba ġejja minn Alla, u kull min iħobb hu mwieled minn Alla u jagħraf lil Alla.

8Dak li ma jħobbx ma għarafx lil Alla, għax Alla hu mħabba.

9B'dan dehret l-imħabba ta' Alla fina, għax Alla bagħat lil Ibnu l-waħdieni fid-dinja, biex ngħixu bih.

10U hawn qiegħda l-imħabba; mhux għax aħna ħabbejna 'l Alla, imma għax ħabbna Hu u bagħat lil Ibnu biex ikun ta' tpattija għal dnubietna.

11Għeżież, jekk Alla ħabbna daqshekk, aħna wkoll għandna nħobbu lil xulxin.

12Lil Alla għadu ħadd ma rah, imma jekk inħobbu 'l xulxin hu jgħammar fina, u mħabbtu ssib il-milja tagħha fina.

13B'hekk nafu li aħna ngħammru fih u Hu fina, għax tana sehem mill-Ispirtu tiegħu.

14Aħna rajna, u nagħtu xhieda, li l-Missier bagħat lil Ibnu s-Salvatur tad-dinja.

15Kull min jistqarr li Ġesù hu l-Iben ta' Alla, Alla jgħammar fih u hu f'Alla.

16U aħna għarafna l-imħabba li Alla għandu għalina u emminnieha. Alla hu mħabba, u min jgħammar fl-imħabba jgħammar f'Alla u Alla fih.

17U l-imħabba ssir sħiħa fina, meta aħna nqawwu qalbna għal Jum il-ħaqq, għax saħansitra f'din id-dinja aħna sirna bħalu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

[18]Fl-imħabba ma hemmx biża'; l-imħabba sħiħa tkeċċi l-biża' 'l barra, għax il-
biża' għandu x'jaqsam mal-kastig. Min jibża' għadu ma sabx il-milja tal-
imħabba.

[19]Aħna nħobbu, għax hu ħabbna l-ewwel.

[20]Jekk xi ħadd jgħid: "Jiena nħobb 'l Alla", u jobgħod lil ħuh, dan ikun giddieb.
Għax min ma jħobbx lil ħuh li jara, kif jista' jħobb lil Alla li hu qatt ma rah?

[21]Dan hu l-kmandament li tana hu: li min iħobb 'l Alla, iħobb ukoll lil ħuh.

## 1 Ġwanni 5

### Ir-rebħa tal-fidi

[1]Kull min jemmen li Ġesù hu l-Messija hu mwieled minn Alla, u kull min iħobb
lill-Missier iħobb lil min twieled minnu.

[2]Minn dan nafu li nħobbu lil ulied Alla, meta nħobbu 'l Alla u nagħmlu l-
kmandamenti tiegħu.

[3]Għax din hi l-imħabba ta' Alla, li nżommu l-kmandamenti tiegħu; u l-
kmandamenti tiegħu mhumiex tqal;

[4]għax kull min hu mwieled minn Alla jegħleb lid-dinja. Din hi r-rebħa fuq id-
dinja: il-fidi tagħna.

[5]Għax min hu dak li jegħleb lid-dinja, jekk mhux min jemmen li Ġesù hu l-Iben
ta' Alla?

### Ix-xhieda dwar l-Iben

[6]Dan huwa dak li ġie bl-ilma u d-demm, Ġesù Kristu; mhux bl-ilma biss, iżda bl-
ilma u d-demm. U l-Ispirtu hu li jixhed, għax l-Ispirtu hu l-verità.

[7]Tlieta huma dawk li jixhdu:

[8]l-Ispirtu, l-ilma u d-demm, u t-tlieta jaqblu fix-xhieda tagħhom.

[9]Jekk aħna nilqgħu x-xhieda tal-bnedmin, ix-xhieda ta' Alla hija aqwa; din hija
xhieda li Alla jagħti dwar Ibnu.

[10]U min jemmen lill-Iben ta' Alla għandu din ix-xhieda fih innifsu, iżda min ma
jemminx lil Alla jkun igiddeb lil Alla, għax ma jkunx jilqa' x-xhieda li Alla jagħti
dwar Ibnu.

[11]U x-xhieda hija din: li Alla tana l-ħajja ta' dejjem, u din il-ħajja tinsab f'Ibnu.

[12]Min għandu l-Iben għandu l-ħajja; min ma għandux l-Iben ta' Alla ma għandux
il-ħajja.

### L-għarfien tal-ħajja ta' dejjem


© 2020 Malta Bible Society.

13Dan ktibtu lilkom, li temmnu fl-isem tal-Iben ta' Alla biex tkunu tafu li intom għandkom il-ħajja ta' dejjem.

14Din hi l-fiduċja sħiħa li għandna fih, li jekk nitolbu xi ħaġa skont ir-rieda tiegħu, hu jismagħna.

15U ladarba nafu li hu jismagħna f'dak li nitolbu, mela nafu wkoll li kulma tlabnieh jinsab diġà għandna.

16Jekk wieħed jara lil ħuh jaqa' f'xi dnub li ma jwassalx għall-mewt, wieħed għandu jitlob u Alla jagħtih il-ħajja. Dan qiegħed ngħidu għal min jagħmel dnub li ma jwassalx għall-mewt. Għax hemm dnubiet li jwasslu għall-mewt, imma jien mhux għal dawn qiegħed ngħid li wieħed għandu jitlob.

17Kull inġustizzja hija dnub, imma mhux kull dnub iwassal għall-mewt.

18Aħna nafu li kull min hu mwieled minn Alla ma jidnibx, imma l-Imnissel minn Alla jħarsu mid-dnub, u l-Ħażin ma jmissux b'idejh.

19Nafu li aħna ġejjin minn Alla u li d-dinja kollha qiegħda taħt idejn il-Ħażin.

20Imma nafu wkoll li l-Iben ta' Alla ġie u tana d-dehen biex nagħrfu 'l Alla l-veru. U aħna ninsabu f'Alla l-veru, f'Ibnu Ġesù Kristu. Dan hu Alla l-veru, u l-ħajja ta' dejjem.

21Uliedi, ħarsu rwieħkom mill-idoli.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

# 2 Ġwanni

## 2 Ġwanni 1

### Tislima

1Il-presbiteru lis-Sinjura l-Magħżula u lil uliedha, li jiena nħobb tassew, u mhux
jiena biss, imma wkoll kull min għaraf il-verità,

2bis-saħħa tal-verità li tgħammar fina u li tibqa' magħna għal dejjem.

3Grazzja, ħniena u sliem ikunu magħna fil-verità u fl-imħabba, mingħand Alla l-
Missier u mingħand Ġesù Kristu Bin il-Missier.

### L-imħabba u l-verità

4Hassejt ferħ kbir li sibt 'il xi wħud minn uliedek miexja fil-verità, kif
ikkmandana nagħmlu l-Missier.

5U issa, Sinjura, nitolbok li nħobbu 'l xulxin; dan li qiegħed niktiblek mhuwiex
xi kmandament ġdid, għax ilu għandna sa mill-bidu.

6L-imħabba hija din: li nimxu skont il-kmandamenti tiegħu. U dan il-
kmandament, kif smajtu sa mill-bidu, huwa li timxu fl-imħabba.

7Għax ħarġu fid-dinja ħafna qarrieqa, nies li ma jridux jistqarru li Ġesù Kristu
ġie fil-ġisem; dawn huma l-qarrieqa u l-antikrist!

8Harsu rwieħkom, li ma tmorrux titilfu dak li għalih ħdimtu, imma li tieħdu ħlas
sħiħ.

9Jekk xi ħadd jaqbeż 'il barra u ma jibqax fit-tagħlim ta' Kristu, dan m'għandux
lil Alla fih. Imma min jibqa' fit-tagħlim, għandu l-Missier u l-Iben fih.

10Jekk jiġikom xi ħadd u ma jġibilkomx dan it-tagħlim, la tilqgħuhx għandkom
u la ssellmulux,

11għax min isellimlu jkun qiegħed jissieħeb miegħu fl-għemejjel ħżiena tiegħu.

### L-aħħar tislijiet

12Għandi ħafna fuqiex niktbilkom, imma ma ridtx ninqeda b'karti u linka;
nittama li nkun magħkom u nkellimkom wiċċ imb wiċċ, u hekk il-ferħ tagħkom
ikun sħiħ.

13Ulied oħtok, il-Magħżula, jibagħtu jsellu għalik.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

# 3 Ġwanni

## 3 Ġwanni 1

### Tislima

1Il-presbiteru, lil Gaju l-għażiż, li jiena nħobb fis-sewwa.

2Għażiż, nitlob lil Alla li kollox imurlek tajjeb u li tkun f'saħħtek, l-istess bħalma inti sejjer tajjeb f'ruħek.

3Fraħt ħafna b'dawk l-aħwa li ġew u taw xhieda tal-verità tiegħek, kif inti miexi fil-verità.

4Ngħid għalija, ma nafx b'ferħ akbar minn dak li nħoss meta nisma' li wliedi mexjin fil-verità.

### Għajnuna u tfixkil

5Int, għażiż, qiegħed iġġib ruħek bħala bniedem tal-fidi f'dak li qiegħed tagħmel għal ħutna, imqar meta jkunu barranin.

6Huma xehdu dwar l-imħabba tiegħek quddiem il-knisja. Tagħmel sew jekk tieqaf magħhom fil-vjaġġi tagħhom kif jixraq lis-servizz ta' Alla.

7Għax jekk dawn siefru, dan għamluh għall-Isem, bla ma ħadu xejn mingħand il-pagani.

8Mela nies bħal dawn aħna fid-dmir li nilqgħuhom, ħalli b'hekk nissieħbu magħhom fil-ħidma għat-tixrid tal-verità.

9Jien ġa ktibt xi ħaġa lill-knisja, imma Dijotrefi, dak li jħobb jaqbeż lil kulħadd, ma riedx jilqa' l-kelma tagħna.

10Għalhekk, jekk niġi, nurih kulma qiegħed jagħmel, it-tpaċpiċ żejjed u l-kliem
ħażin li qiegħed jgħid fuqna. U mhux kuntent b'dan, anqas lill-aħwa ma jilqa', u
anqas ma jħalli lil dawk li jkunu jridu jilqgħuhom; imma jkeċċihom 'il barra
mill-knisja.

11Għażiż, timxix fuq il-ħażin, imma fuq it-tajjeb. Min jagħmel it-tajjeb ġej minn Alla; min jagħmel il-ħażin ma rax lil Alla.

12Demetriju għandu x-xhieda tiegħu minn kulħadd, sa mill-istess verità. U aħna wkoll nixhdu għalih, u inti taf li x-xhieda tagħna hija vera.

### L-aħħar tislijiet

13Kont kieku niktiblek wisq iżjed minn hekk, imma ma rridx ngħidhulek bil-linka u l-pinna.

14Nittama li narak ma ndumx; imbagħad inkellmek wiċċ imb wiċċ.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

15Is-sliem għalik. Il-ħbieb jibagħtu jsellu għalik. Sellili għall-ħbieb, wieħed
wieħed.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

# Ġuda

## Ġuda 1

### Tislima

1Ġuda, qaddej ta' Ġesù Kristu u ħu Ġakbu, lil dawk li huma msejħin, maħbubin minn Alla l-Missier, u mħarsa għal Ġesù Kristu.

2Jalla jitkattru fuqkom il-ħniena, is-sliem u l-imħabba.

### L-għalliema ħżiena u l-ġudizzju

3Maħbubin, ħassejt ħerqa tassew kbira biex niktbilkom dwar is-salvazzjoni tagħna lkoll, għax rajt li kien meħtieġ nibagħtilkom kelmtejn ħalli nħeġġiġkom tissieltu għal dik il-fidi li ngħatat darba għal dejjem lill-qaddisin.

4Għax fostna ndiehsu xi wħud li sa minn żmien ilu kienu mniżżlin minn qabel għal din il-kundanna, nies ħżiena li jaqilbu l-grazzja ta' Alla tagħna f'żina u jiċħdu lil Ġesù Kristu, is-Sid waħdieni tagħna u l-Mulej tagħna.

5Għad li intom ġa sirtu tafu kollox darba għal dejjem, nixtieq iżda nfakkarkom li l-Mulej, wara li salva l-poplu mill-art tal-Eġittu, hekk imbagħad qered lil dawk li ma emmnux.

6U lil dawk l-anġli li ma beżgħux għal posthom u telqu mnejn kienu jgħammru, huwa żammhom marbuta għal dejjem f'qiegħ id-dlamijiet għall-ħaqq tal-Jum il-kbir.

7U hekk ukoll ġralhom Sodoma u Gomorra u l-bliet ta' madwarhom li bħalhom ingħataw għaż-żina u ntelqu wara l-pjaċiri kontra n-natura; huma saru eżempju għal kulħadd billi ħadu l-kastig tan-nar ta' dejjem.

8Hekk ukoll dawn il-bnedmin fit-thewdin tagħhom xorta waħda qegħdin itebbgħu l-ġisem, jiċħdu l-awtorità ta' Alla, iżebilħu l-ħlejjaq glorjużi.

9L-arkanġlu Mikiel, meta ħadha max-Xitan u beda jħaqqaqha miegħu fuq il-ġisem ta' Mosè, ma wasalx biex ikkundannah bi kliem ta' żebliħ, imma qallu: "Ha jrażżnek il-Mulej".

10Dawn in-nies, imma, iżebilħu saħansitra dawk il-ħwejjeġ li ma jifhmux fihom, u dak kollu li jafuh min-natura bħall-bhejjem bla dehen, jiswielhom għat-telfien.

11Ħażin għalihom! Qabdu triq Kajin; għal daqsxejn ta' ħlas intelqu fl-iżball ta' Balgħam, u nqerdu bit-tixwix ta' Koraħ.

12Dawn in-nies huma tbajja' għalikom fil-laqgħat tagħkom għall-ikla tal-imħabba, jixxalaw flimkien, bla mistħija, ifittxu lilhom infushom, sħab bla xita

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

misjuqa mir-riħ; siġar bla frott fi tmiem il-ħarifa, mejta għal darbtejn, imqaċċta mill-għeruq;

13imwieġ qliel tal-baħar jitqallbu fir-ragħwa tal-għajb tagħhom; kwiekeb ġerrejja li għalihom hemm merfugħ is-swied tad-dlamijiet ta' dejjem.

14Kien għal dawn ukoll li Henok, is-seba' wieħed wara Adam, ħabbar u qal: "Ara, il-Mulej ġej, bl-eluf tal-anġli qaddisa tiegħu,

15biex jagħmel ħaqq minn kulħadd u jikkundanna l-ħżiena kollha għal kull xorta ta' ħażen li għamlu, u għall-kliem iebes kollu li qalu kontra tiegħu l-midinbin ħżiena."

16Dawn huma dawk li jgergru, li jisħtu xortihom, jiġru wara l-ġibdiet koroh tagħhom, fommhom mimli ftaħir, u jżiegħlu bin-nies f'wiċċhom ħalli jiksbu xi ħaġa minnhom.

## Twissijiet u tħeġġiġ

17Iżda intom, għeżież, ftakru fil-ħwejjeġ li l-appostli ta' Sidna Ġesù Kristu kienu ħabbrulkom minn qabel.

18Huma qalulkom li "fl-aħħar taż-żminijiet ikun hemm nies żeblieħa li jiġru wara l-ġibdiet ħżiena tagħhom",

19nies li jġibu l-firdiet, jgħixu ħajja ta' din l-art, nies li m'għandhomx l-Ispirtu fihom.

20Iżda intom, għeżież, ibnu lilkom infuskom fuq il-fidi l-aktar qaddisa tagħkom; itolbu fl-Ispirtu s-Santu;

21żommu rwieħkom fl-imħabba ta' Alla, stennew il-ħniena ta' Sidna Ġesù Kristu għall-ħajja ta' dejjem.

22Uru ħniena ma' dawk li għadhom fid-dubju;

23salvawhom u aħtfuhom min-nar; l-oħrajn, ħennu għalihom, bil-biża', waqt li tistkerrhu saħansitra l-libsa mċappsa b'ġisimhom.

## Glorja lil Alla

24Lil dak li għandu l-qawwa jħariskom mill-waqgħa, u jqegħedkom bla tebgħa u ferħana quddiem is-sebħ tiegħu,

25lil Alla waħdu Salvatur tagħna, permezz ta' Ġesù Kristu Sidna, glorja, kobor, qawwa u setgħa qabel kull żmien, issa, u għal dejjem ta' dejjem. Ammen.


© 2020 Malta Bible Society.

# Apokalissi

## Apokalissi 1

### Dħul

1Ir-Rivelazzjoni ta’ Ġesù Kristu li tahielu Alla biex jgħarraf lill-qaddejja tiegħu
b’dak li għandu jiġri ma jdumx. Alla bagħat lill-anġlu tiegħu jfissirha lill-qaddej
tiegħu Ġwanni,

2li kien xhud tal-kelma ta’ Alla u tax-xhieda mogħtija minn Ġesù Kristu, u ta’
kulma ra b’għajnejh.

3Hieni dak li jaqra u dawk li jisimgħu l-kliem ta’ din il-profezija u jħarsu dak li
hemm miktub, għax iż-żmien qorob!

### Lill-knejjes tal-Asja
### Tislima

4Ġwanni, lis-seba’ knejjes li hemm fl-Asja: grazzja lilkom u sliem mingħand Dak
li hu, u li kien, u li għad irid jiġi, u min-naħa tas-seba’ spirti li qegħdin quddiem
it-tron tiegħu,

5u mingħand Ġesù Kristu, ix-xhud fidil, il-Kbir fost il-mejtin, il-Prinċep tas-
slaten tad-dinja. Lil Dak li ħabbna, u li ħallna minn dnubietna bis-saħħa ta’
demmu,

6u li għamilna Saltna, Qassisin għal Alla tiegħu Missieru, lilu l-glorja u s-setgħa
għal dejjem ta’ dejjem. Ammen.

7Arawh, ġej fis-sħab, u l-għajnejn kollha jarawh, ukoll dawk li kienu nifduh; u r-
razez kollha tal-art jibdew iħabbtu fuq sidirhom minħabba fih. Iva. Ammen.

8“Jiena huwa l-Alfa u l-Omega”, jgħid il-Mulej Alla, li hu, u li kien, u li għad irid
jiġi, Dak li jista’ kollox.

### Il-bidu tad-dehriet

9Jiena, Ġwanni, ħukom u sieħeb tagħkom fit-taħbit u fis-saltna u fis-sabar ma’
Ġesù, jien sibt ruħi fil-gżira jisimha Patmos minħabba l-Kelma ta’ Alla u x-
xhieda ta’ Ġesù.

10Darba, f’jum il-Mulej, ħassejtni merfugħ fl-Ispirtu, u minn warajja smajt leħen
qawwi, bħal ta’ tromba,

11jgħidli: “Kulma tara niżżlu fi ktieb u ibagħtu lis-seba’ knejjes, lil dik ta’ Efesu,
ta’ Żmirna, ta’ Pergamu, ta’ Tjatira, ta’ Sardi, ta’ Filadelfja u ta’ Laodiċija.”

12U jiena dort biex nara min kien qiegħed ikellimni; u, kif dort, rajt seba’
kandelabri tad-deheb,

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

[13]u f'nofs il-kandelabri kien hemm wieħed qisu Iben ta' bniedem, liebes libsa
twila sa wiċċ saqajh, b'sidru mħażżem bi ħżiem tad-deheb;

[14]rasu u xuxtu bajda bħas-suf, ileqqu daqs is-silġ, u għajnejh kienu ġamra nar;

[15]kellu saqajh donnhom tal-metall ileqq imsoffi ġo forġa, u leħnu bħall-ħoss ta'
ħafna ilmijiet;

[16]f'idu l-leminija kellu seba' kwiekeb, u minn fommu kienet ħierġa xabla
misnuna miż-żewġ naħat; wiċċu kien jiddi bħax-xemx fl-eqqel tagħha.

[17]Jien, kif rajtu, waqajt qisni mejjet f'riġlejh. Iżda hu ressaq idu l-leminija fuqi u
qalli: "Tibżax; jien hu l-Ewwel u l-Aħħar,

[18]jiena l-Ħaj; jien kont mejjet, u ara, jien issa ħaj għal dejjem ta' dejjem, u għandi
jinsabu l-imfietaħ tal-Mewt u ta' Post il-Mejtin.

[19]Ikteb kulma tara, kemm il-ħwejjeġ li hawn issa u kemm dawk li se jiġru 'l
quddiem.

[20]Dwar il-misteru moħbi fis-seba' kwiekeb li rajtli f'idi l-leminija u fis-seba'
kandelabri tad-deheb, kun af li s-seba' kwiekeb huma s-seba' anġli tas-seba'
knejjes, u s-seba' kandelabri huma s-seba' knejjes.

# Apokalissi 2

### Lill-knisja ta' Efesu

[1]"Lill-anġlu tal-knisja li hemm f'Efesu iktiblu hekk: 'Dan jgħidlek Dak li għandu
s-seba' kwiekeb f'idu l-leminija: Dak li jimxi fost is-seba' kandelabri tad-deheb:

[2]Jiena naf l-opri tiegħek, u l-keded li tieħu, u s-sabar tiegħek, naf li int lill-ħżiena
ma tiflaħx għalihom, u li ġa stħarriġt lil dawk li jriduha ta' appostli bla ma huma,
u sibthom qarrieqa.

[3]Naf li stabart u ġarrabt ħafna minħabba f'ismi, u għadek ma għejejtx.

[4]Imma kontra tiegħek għandi li inti ħallejt dik l-imħabba li kont urejt fil-bidu.

[5]Mela issa ġib quddiem għajnejk fiex waqajt, indem, u erġa' aqbad l-opri tiegħek
tal-bidu. Għax inkella niġik u nneħħilek il-kandelabru tiegħek minn postu, jekk
ma tindimx.

[6]Iżda favur tiegħek għandek li inti tobgħod l-opri tad-dixxipli ta' Nikola, bħalma
nobgħodhom jiena wkoll.

[7]Min għandu widnejn, ħa jisma' xi jgħid l-Ispirtu lill-knejjes. Lir-rebbieħ nagħtih
jiekol mis-siġra tal-Ħajja li hemm fil-Ġenna ta' Alla.'

### Lill-Knisja ta' Żmirna

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

8“U lill-anġlu tal-knisja li hemm fi Żmirna iktiblu hekk: ‘Dan jgħidlek Dak li hu l-Ewwel u l-Aħħar, li kien mejjet u raġa’ ħaj:

9Jiena naf it-taħbit u l-faqar tiegħek, għad li inti għani; u naf kemm jinfamawk dawk li jgħidu li huma Lhud mingħajr ma huma, meta huma sinagoga tax-Xitan.

10Tibżax minn dak li se jkollok issofri; ara, id-Demonju se jixħet ’il xi wħud minnkom fil-ħabs biex iġarrabkom, u intom tgħaddu minn għaxart ijiem ta’ taħbit. Ibqa’ fidil sal-mewt, u jien nagħtik il-kuruna tal-ħajja.

11Min għandu widnejn, ħa jisma’ x’jgħid l-Ispirtu lill-knejjes. Lir-rebbieħ ebda ħsara ma hi se tagħmillu t-tieni mewt.’

## Lill-knisja ta’ Pergamu

12“U lill-anġlu tal-knisja li hemm f’Pergamu iktiblu hekk: ‘Dan jgħidlek Dak li għandu x-xabla misnuna miż-żewġ naħat:

13Jiena naf fejn int qiegħed; qiegħed fejn hemm it-tron tax-Xitan. Imma għadek iżżomm sħiħ ma’ ismi u ma ċħadtx il-fidi tiegħek fija, anqas f’dawk il-jiem li fihom Antipa, ix-xhud fidil tiegħi, qatluh hemm fostkom, fejn joqgħod ix-Xitan.

14‘Madankollu għandi xi ftit ħwejjeġ kontra tiegħek, jiġifieri li hemmhekk inti għandek xi wħud li qegħdin iżommu mat-tagħlim ta’ Balgħam, dak li kien għallem lil Balak kif jiskandalizza lil ulied Iżrael billi jieklu ikel issagrifikat lill-idoli u jaqgħu fiż-żina.

15Barra minn dan, għandek ukoll min qiegħed iżomm it-tagħlim tad-dixxipli ta’ Nikola.

16Isa, indem; inkella niġi bla telf ta’ żmien, u naħbat għalihom bix-xabla ta’ fommi.

17‘Min għandu widnejn, ħa jisma’ x’jgħid l-Ispirtu lill-knejjes. Lir-rebbieħ nagħtih mill-manna l-moħbija, u nagħtih ukoll ċagħka bajda, b’isem ġdid minqux fuqha li ħadd ma jkun jafu ħlief min jirċeviha.’

## Lill-knisja ta’ Tjatira

18“U lill-anġlu tal-knisja li hemm f’Tjatira iktiblu hekk: ‘Dan jgħidlek l-Iben ta’ Alla, dak li għandu għajnejh bħal ġamra nar u saqajh qishom metall ileqq:

19Jiena naf l-opri tiegħek, l-imħabba u l-fidi tiegħek, is-servizz u s-sabar tiegħek, naf kemm l-opri tiegħek tal-aħħar huma aħjar minn dawk tal-bidu.

20Iżda kontra tiegħek għandi li int lil Ġeżabel, il-mara li tridha ta’ profetissa, qiegħed tħalliha tgħallem u tqarraq bil-qaddejja tiegħi billi tħajjarhom jaqgħu fiż-żina u jieklu ikel issagrifikat lill-idoli.

21Jien tajtha żmien biex tindem, iżda ma riditx terġa’ lura miż-żina tagħha.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

22 Ara, lilha se nixħetha marida ġo sodda, u ’l dawk li waqgħu fiż-żina magħha nibgħat fuqhom taħbit kbir jekk ma jerġgħux lura mill-għemejjel tagħha.

23 U lil uliedha noqtolhomlha, ħalli jkunu jafu l-knejjes kollha li jiena hu dak li jifli l-ġewwieni u l-qalb u li jagħti lil kull wieħed minnkom skont ma ħaqqu għall-opri tiegħu.

24 U lilkom l-oħrajn li tinsabu f’Tjatira, intom li ma qgħadtux għal dan it-tagħlim u li ma ridtux tafu bit-tagħlim moħbi fil-fond tax-Xitan, kif isejħulhom huma, lilkom ngħidilkom li fuqkom m’iniex se nixħet piż ieħor.

25 Biss, stabru b’dak li ġa għandkom, sa ma niġi jien.

26 Imbagħad lir-rebbieħ, lil dak li jħares sal-aħħar l-opri tiegħi, nagħtih setgħa fuq il-ġnus,

27 biex imexxihom b’xettru tal-ħadid bħal min ifarrak il-bwieqi tal-fuħħar, l-istess kif jien ukoll ħadt is-setgħa mingħand Missieri;

28 u nagħtih ukoll il-Kewkba ta’ filgħodu.

29 ‘Min għandu widnejn, ħa jisma’ x’jgħid l-Ispirtu lill-knejjes.’

# Apokalissi 3

### Lill-knisja ta’ Sardi

1 “U lill-anġlu tal-knisja li hemm f’Sardi iktiblu hekk: ‘Dan jgħidlek Dak li għandu s-seba’ spirti ta’ Alla u s-seba’ kwiekeb: Jiena naf l-opri tiegħek, inti għandek fama li inti ħaj, iżda int mejjet.

2 Stenbaħ u tħeġġeġ f’dak li għad għandek imma li wasal biex jinqeridlek, għax l-opri tiegħek ma sibthomx perfetti f’għajnejn Alla tiegħi.

3 Isa, ftakar f’dak li rċevejt u smajt, ħarsu sewwa, u indem. Għax jekk ma tistenbaħx, niġik bħal ħalliel, bla ma tkun taf is-siegħa li fiha niġik.

4 Madankollu f’Sardi għandek ftit uħud li ma tebbgħux ilbieshom; huma għad jimxu miegħi lebsin l-abjad, għax jistħoqqilhom.

5 Hekk ukoll ir-rebbieħ, għad ixidd fuqu lbies abjad; u jiena mhux talli ma nħassarlux ismu minn ktieb il-ħajja, imma nistqarrlu ismu quddiem Missieri u quddiem l-anġli tiegħu.

6 Min għandu widnejn, ħa jisma’ x’jgħid l-Ispirtu lill-knejjes.’

### Lill-knisja ta’ Filadelfja

7 “U lill-anġlu tal-knisja li hemm f’Filadelfja iktiblu hekk: ‘Dan jgħidlek il-Qaddis, il-Veru li għandu l-muftieħ ta’ David, li jiftaħ u ħadd ma jagħlaq, jagħlaq u ħadd ma jiftaħ:

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

8Jiena naf l-opri tiegħek; ara, ftaħtlek quddiemek bieb li ħadd ma jista' jagħlqu; għax għad li l-ħila tiegħek hija dgħajfa, naf li l-kelma tiegħi ħaristha u ismi ma ċħadthulix.

9Ara, lil xi wħud mis-sinagoga tax-Xitan - li jriduha ta' Lhud iżda m'humiex ħlief giddieba! - ara, jiena se nġagħalhom jiġu jinxteħtu quddiemek f'riġlejk, ħa jkunu jafu li jiena lilek ħabbejtek.

10Talli int ħarist it-tagħlim tiegħi dwar is-sabar, jiena wkoll inħares lilek mis-siegħa tat-tiġrib li ġejja fuq id-dinja kollha biex iġġarrab lil kull min jgħammar fl-art.

11Dalwaqt niġi; żomm sħiħ f'dak li għandek, biex ħadd ma jeħodlok il-kuruna tiegħek.

12Ir-rebbieħ nagħmlu kolonna fit-Tempju ta' Alla tiegħi, minn fejn qatt iżjed ma joħroġ u fuqu nonqox isem Alla tiegħi, isem il-Belt ta' Alla tiegħi, Ġerusalemm il-ġdida li nieżla mis-sema mingħand Alla tiegħi, u l-isem il-ġdid tiegħi.

13'Min għandu widnejn, ħa jisma x'jgħid l-Ispirtu lill-knejjes.'

### Lill-knisja ta' Laodiċija

14U lill-anġlu tal-knisja li hemm f'Laodiċija iktiblu hekk: 'Dan jgħidlek l-Ammen, ix-Xhud fidil u veru, minnu l-bidu tal-Ħolqien ta' Alla:

15Jiena naf l-opri tiegħek, u naf li la inti kiesaħ u lanqas sħun. Mhux li kont jew kiesaħ jew sħun!

16U hekk, ladarba inti biered, u la sħun u lanqas kiesaħ, jiena sa nobżqok minn ġo ħalqi.

17Int tgħid, "Jiena għani, jiena stagħnejt u ma jonqosni xejn", bla ma taf li l-imsejken huwa int, ta' min jitħassrek, fqir, agħma u għeri.

18Jiena nagħtik parir biex tiġi tixtri mingħandi deheb imsoffi bin-nar, ħalli tistagħna; u lbies abjad, ħalli jkollok x'tilbes u tgħatti l-għajb tal-għera tiegħek; u wkoll ungwent, ħalli tidlek għajnejk u tkun tista' tara.

19Lil dawk li nħobb, jiena nwiddibhom u rrażżanhom. Mela tħeġġeġ u indem.

20Ara, jiena fil-bieb, u qiegħed inħabbat; jekk xi ħadd jismagħni u jiftaħli l-bieb, jiena nidħol għandu u niekol miegħu, u hu jiekol miegħi.

21Lir-rebbieħ nagħtih li joqgħod maġenbi fuq it-tron tiegħi; l-istess kif jien, meta rbaħt, qgħadt maġenb Missieri fuq it-tron tiegħu.

22'Min għandu widnejn, ħa jisma' x'jgħid l-Ispirtu lill-knejjes.' "

## Apokalissi 4


© 2020 Malta Bible Society.

### Liturġija fis-Sema

1Wara dan ħarist, u ara rajt bieb miftuħ fis-sema; u l-leħen ta' qabel, li kont ġa smajtu jkellimni qisu tromba, qalli: "Itla' hawn, ħa nurik x'għandu jiġri wara dan."

2Minnufih ħassejtni merfugħ fl-Ispirtu, u rajt tron imwaqqaf fis-sema, u wieħed bilqiegħda fuq it-tron.

3U d-dehra ta' dak li kien bilqiegħda kienet qisha dehra ta' ħaġra tal-ġaspru u tal-kornalina, u madwar it-tron qawsalla donnha żmerald.

4Madwar it-tron, erbgħa u għoxrin siġġu, u fuqhom, bilqiegħda, erbgħa u għoxrin Xiħ, lebsin l-abjad, b'kuruna tad-deheb fuq rashom.

5Mit-tron rajt ħerġin beraq u ħsejjes u ragħad, u seba' torċi mixgħula quddiemu, li huma s-seba' spirti ta' Alla.

6Quddiem it-tron rajt ukoll bħal baħar tal-ħġieġ, qisu kristall, u f'nofs it-tron u madwaru erba' Ħlejjaq Ħajjin, kollhom għajnejn minn quddiem u minn wara;

7l-ewwel Ħliqa Ħajja donnha ljun, it-tieni Ħliqa Ħajja qisha għoġol, it-tielet Ħliqa Ħajja b'wiċċ ta' bniedem, u r-raba' Ħliqa donnha ajkla ttir.

8U l-erba' Ħlejjaq Ħajjin, kull waħda minnhom b'sitt ġwienaħ, rajthom kollhom għajnejn, kemm madwarhom u kemm minn ġewwa, lejl u nhar ma jieqfu qatt itennu: "Qaddis, Qaddis, Qaddis il-Mulej, Alla li jista' kollox, li kien, u li hu, u li ġej."

9U kull darba li l-Ħlejjaq Ħajjin jagħtu glorja u ġieħ u radd il-ħajr lil dak li qiegħed fuq it-tron, u li hu għal dejjem ta' dejjem,

10l-erbgħa u għoxrin Xiħ jinxteħtu quddiem dak li qiegħed fuq it-tron, jagħtu qima lilu li jgħix għal dejjem ta' dejjem, iqiegħdu l-kuruni tagħhom quddiem it-tron, u jgħidu:

11"Jistħoqqlok, Mulej Alla tagħna, li tilqa' l-glorja u l-ġieħ u s-setgħa, għax int ħlaqt il-ħlejjaq kollha, u huma kienu u nħolqu bir-rieda tiegħek."

## Apokalissi 5

### Il-Ktieb u l-Ħaruf

1Imbagħad lil dak li kien bilqiegħda fuq it-tron rajtlu f'idu l-leminija ktieb miktub minn ġewwa u minn barra, magħluq b'seba' siġilli.

2U rajt anġlu, ta' saħħa kbira, qiegħed ixandar b'leħen jgħajjat: "Min hu li jistħoqqlu jiftaħ il-ktieb u jikser is-siġilli li għandu?"

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

[3]U ħadd, la fis-sema u la fl-art u lanqas taħt l-art, ma kellu l-ħila jiftaħ il-ktieb u
jara x'fih.

[4]U jiena nfexxejt f'bikja kbira, għax ma nstab ħadd li kien jistħoqqlu jiftaħ il-
ktieb u jara x'fih.

[5]Imbagħad wieħed mix-Xjuħ qalli: "Tibki xejn; ara, l-Iljun tat-tribù ta' Ġuda, ir-
Rimja ta' David, ħareġ rebbieħ, u se jiftaħ il-ktieb u s-seba' siġilli li għandu."

[6]Imbagħad, bejn it-tron u l-erba' Ħlejjaq Ħajjin u f'nofs ix-Xjuħ rajt li kien hemm
Ħaruf, wieqaf, bħal maqtul, b'sebat iqrun u seba' għajnejn, li huma s-seba' spirti
ta' Alla mibgħutin fuq l-art kollha.

[7]U l-Ħaruf resaq jieħu l-ktieb mill-id il-leminija ta' dak li qiegħed fuq it-tron;

[8]u kif ħa l-ktieb, marru jinxteħtu quddiem il-Ħaruf l-erba' Ħlejjaq Ħajjin, u wkoll
l-erbgħa u għoxrin Xiħ; kull wieħed minnhom kellu ċetra u xi bwieqi tad-deheb
mimlija bl-inċens, li huma t-talb tal-qaddisin.

[9]U bdew jgħannu għanja ġdida u jgħidu: "Int jistħoqqlok tieħu l-ktieb, u tiftaħ
is-siġilli tiegħu, għax int kont maqtul, u b'demmek ksibt għal Alla bnedmin minn
kull tribù u lsien, minn kull poplu u ġens,

[10]u għamilthom għal Alla tagħna Saltna u Qassisin, li għad isaltnu fuq l-art."

[11]Imbagħad ħarist, u minn madwar it-tron u l-Ħlejjaq Ħajjin u x-Xjuħ smajt il-
leħen ta' ħafna anġli, li l-għadd tagħhom kien għaxriet ta' eluf, u eluf ta' eluf,

[12]jgħidu b'leħen qawwi: "Jistħoqqlu l-Ħaruf li kien maqtul li jirċievi l-qawwa u
l-għana u l-għerf u s-saħħa u l-ġieħ u l-glorja u t-tifħir."

[13]U fis-sema, fuq l-art, taħt l-art, u fil-baħar u l-ħlejjaq kollha li fihom, smajthom
jgħidu: "Lil dak li qiegħed fuq it-tron u lill-Ħaruf, jingħata t-tifħir u l-ġieħ u l-
glorja u l-ħakma, għal dejjem ta' dejjem."

[14]L-erba' Ħlejjaq Ħajjin bdew iwieġbu: "Ammen!," filwaqt li x-Xjuħ inxteħtu
jagħtu qima.

## Apokalissi 6

### Il-Ħaruf jikser is-seba' siġilli

[1]Imbagħad il-Ħaruf fetaħ l-ewwel wieħed mis-seba' siġilli u jien ħarist u smajt
wieħed mill-erba' Ħlejjaq Ħajjin jgħid b'leħen ta' ragħda: "Ejja".

[2]U jien ħarist, u ara, ġie żiemel abjad, u dak li kien riekeb fuqu kellu qaws, u
ngħatatlu kuruna; u ħareġ hu, rebbieħ, biex ikompli jirbaħ.

[3]U wara li fetaħ it-tieni siġill, smajt it-tieni wieħed mill-Ħlejjaq Ħajjin jgħid:
"Ejja!"


© 2020 Malta Bible Society.

4U ħareġ żiemel ieħor, ta' lewn aħmar nar, u lil dak li kien riekeb fuqu ngħatatlu
s-setgħa li jeqred il-paċi minn fuq wiċċ l-art, ħalli b'hekk il-bnedmin jitqatlu
bejniethom; u għalhekk ingħatatlu xabla kbira.

5Wara li l-Ħaruf fetaħ it-tielet siġill, smajt it-tielet wieħed mill-Ħlejjaq Ħajjin
jgħid: "Ejja!" U jien ħarist, u ara, ġie żiemel iswed, u r-rikkieb tiegħu kellu miżien
f'idu.

6Imbagħad f'nofs l-erba' Ħlejjaq Ħajjin smajt bħal leħen jgħid: "Siegħ qamħ
bigħu dinar; tliet sigħan xgħir dinar ukoll; imma ż-żejt u l-inbid la tmisshomx".

7Meta l-Ħaruf fetaħ ir-raba' siġill, smajt leħen ir-raba' Ħliqa Ħajja jgħid: "Ejja!"

8Ħarist, u ara, ġie żiemel ta' lewn aħdar jagħti fl-isfar, u r-rikkieb tiegħu kien
jismu "Mewt" u Post il-Mejtin miexi warajh. U lilhom ingħatat is-setgħa fuq
waħda mill-erba' taqsimiet tad-dinja, biex joqtlu n-nies bix-xabla, bil-ġuħ, bil-
pesta u bil-bhejjem selvaġġi tal-art.

9Meta mbagħad fetaħ il-ħames siġill, rajt taħt l-artal l-erwieħ ta' dawk li kienu
qatluhom minħabba l-Kelma ta' Alla, u minħabba x-xhieda li kienu taw;

10u għollew leħenhom u qalu: "Sid Qaddis u Veru, kemm se ddum ma tagħmel
ħaqq u titħallas ta' demmna minn dawk li jgħammru fl-art?"

11U lil kull wieħed minnhom ingħatatlu libsa twila bajda, u qalulhom jistennew
ftit ieħor sa ma jintemm l-għadd tal-qaddejja sħabhom u ta' ħuthom li bħalhom
kienu se joqtluhom.

12U fetaħ is-sitt siġill. Jien ħarist, u sar terremot kbir; ix-xemx saret sewda
faħma, il-qamar sar kollu qisu demm,

13u l-kwiekeb tas-sema bdew jaqgħu fuq l-art bħalma siġra tat-tin tarmi l-frott
nej tagħha meta jħabbatha riefnu qawwi.

14Is-sema ma deherx aktar, kif jiġrilu ktieb meta jitkebbeb, u kull muntanja u
gżira tħarrku minn fejn kienu.

15Imbagħad is-slaten tal-art, il-kapijiet, il-mexxejja l-kbar, l-għonja, is-setgħana
u l-lsiera u l-ħielsa kollha, marru jinħbew fl-għerien u qalb il-blat tal-muntanji,

16u bdew jgħidu lill-muntanji u lill-blat: "Ordmuna u aħbuna minn wiċċ dak li
hemm bilqiegħda fuq it-tron u mill-korla tal-Ħaruf,

17għax wasal il-Jum il-Kbir tal-korla tagħhom! U min jiflaħ iżomm?"

## Apokalissi 7

### Alla jħares il-qaddejja tiegħu

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

[1]Wara dan rajt erba’ anġli wieqfa fl-erba’ rkejjen tal-art, iżommu l-erbat irjieħ
tal-art biex ebda riħ ma jonfoħ, la fuq l-art u la fuq il-baħar u fuq ebda siġra.

[2]U rajt anġlu ieħor tiela’ bis-siġill ta’ Alla l-ħaj min-naħa tal-Lvant, u b’leħen
għoli għajjat lill-erba’ anġli li lilhom kienet ingħatat is-setgħa li jagħmlu l-ħsara
lill-art u lill-baħar,

[3]u qalilhom: “Tagħmlulhomx ħsara lill-art u lill-baħar, anqas lis-siġar, qabel ma
nkunu stampajna s-siġill fuq il-ġbin tal-qaddejja ta’ Alla tagħna.”

[4]Imbagħad smajt x’kien l-għadd tal-issiġillati: mija u erbgħa u erbgħin elf
issiġillati, minn kull tribù ta’ wlied Iżrael.

[5]Mit-tribù ta’ Ġuda ġew issiġillati tnax-il elf; tnax-il elf mit-tribù ta’ Ruben; tnax-
il elf mit-tribù ta’ Gad;

[6]tnax-il elf mit-tribù ta’ Aser; tnax-il elf mit-tribù ta’ Neftali; tnax-il elf mit-tribù
ta’ Manassi;

[7]tnax-il elf mit-tribù ta’ Simgħon; tnax-il elf mit-tribù ta’ Levi; tnax-il elf mit-
tribù ta’ Issakar;

[8]tnax-il elf mit-tribù ta’ Żebulun; tnax-il elf mit-tribù ta’ Ġużeppi; tnax-il elf ġew
issiġillati mit-tribù ta’ Benjamin.

### Il-maħturin rebbieħa fis-sema

[9]Wara dan ħarist, u ara, kien hemm kotra kbira li ħadd ma jista’ jgħoddha, minn
kull ġens u tribù, minn kull poplu u lsien, weqfin quddiem it-tron u quddiem il-
Ħaruf, lebsin ilbiesi twal bojod, u bil-friegħi tal-palm f’idejhom.

[10]U għollew leħenhom u bdew jgħidu: “Is-salvazzjoni nafuha lil Alla tagħna li
qiegħed fuq it-tron, u lill-Ħaruf.”

[11]L-anġli kollha kienu qegħdin madwar it-tron u madwar ix-Xjuħ u l-erba’
Ħlejjaq Ħajjin, u waqgħu wiċċhom fl-art quddiem it-tron jagħtu qima lil Alla

[12]u jgħidu: “Ammen. It-tifħir u l-glorja, l-għerf, ir-radd ta’ ħajr u l-ġieħ, il-qawwa
u s-saħħa lil Alla tagħna, għal dejjem ta’ dejjem! Ammen.”

[13]Imbagħad wieħed mix-Xjuħ qabad u staqsieni: “Dawn li għandhom l-ilbiesi
twal bojod fuqhom min huma, u minfejn ġejjin?”

[14]“Inti taf, sinjur”, għedtlu jien. Imbagħad qalli: “Dawn huma dawk li ġejjin mit-
taħbit il-kbir, u l-ilbiesi tagħhom ħasluhom u bajduhom fid-demm tal-Ħaruf.

[15]Għalhekk jinsabu quddiem it-tron ta’ Alla, lejl u nhar jaqduh fit-tempju tiegħu;
u dak li qiegħed fuq it-tron jeħodhom jgħammru taħt il-kenn tiegħu.

[16]Ma jbatux aktar ġuħ, anqas għatx ma jagħmel bihom aktar; ix-xemx ma
taħkimhomx, u anqas ebda għomma,

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

17ladarba l-Ħaruf, li hemm f'nofs it-tron, ikun ir-ragħaj tagħhom; u hu jwassalhom ħdejn ilmijiet tal-għejun tal-ħajja. U Alla jixxuttalhom kull demgħa minn għajnejhom."

## Apokalissi 8

### Is-seba' siġill: it-talb tal-qaddisin

1U meta l-Ħaruf fetaħ is-seba' siġill, fis-sema waqa' skiet għal madwar nofs siegħa.

2Imbagħad rajt illi lis-seba' anġli li qegħdin quddiem Alla ngħatawlhom seba' trombi.

3U ġie anġlu ieħor, b'ċensier tad-deheb, u qagħad ħdejn artal; u tawh ħafna inċens biex joffrih mat-talb tal-qaddisin kollha fuq l-artal tad-deheb ta' quddiem it-tron.

4U d-duħħan tal-inċens tela' mat-talb tal-qaddisin minn id l-anġlu quddiem Alla.

5L-anġlu mbagħad ħa ċ-ċensier, imlieh bin-nar tal-artal, u waddbu għal fuq l-art; u beda jinstema' r-ragħad b'ħafna tkarwit u beraq, u l-art theżżet.

### L-ewwel erba' trombi

6Imbagħad is-seba' anġli li kellhom is-seba' trombi tħejjew biex idoqquhom.

7U daqq it-tromba l-ewwel wieħed. U fuq l-art beda nieżel silġ u nar b'taħlita ta' dmija, u nħarqet waħda minn kull tlieta tal-art, inħarqet waħda minn kull tlieta tas-siġar, u nħarqet il-ħdura kollha tal-ħxejjex.

8It-tieni anġlu daqq it-tromba. U waqgħet ġol-baħar bħal muntanja kbira ta' nar iħeġġeġ, u waħda minn kull tlieta tal-baħar saret demm,

9mietu waħda minn kull tlieta tal-ħlejjaq ħajjin li hemm fil-baħar, u nqered ġifen minn kull tlieta.

10U daqq it-tromba t-tielet anġlu. U mis-sema waqgħet kewkba kbira tħeġġeġ qisha torċa, li xteħtet fuq waħda minn kull tlieta tax-xmajjar u fuq l-għejun tal-ilmijiet.

11Issa l-kewkba kien jisimha "Absint". U waħda minn kull tlieta tal-ilmijiet saret imrar tal-għaġeb, u, billi l-ilmijiet imraru, mietu bihom ħafna nies.

12U r-raba' anġlu daqq it-tromba. U waqgħet waħda minn tlieta tax-xemx u waħda minn tlieta tal-qamar, u wkoll kewkba minn kull tlieta, hekk li waħda minn kull tlieta minnhom iddallmet; id-dawl ma deherx aktar f'waħda minn tlieta tal-ħin ta' binhar, u hekk ukoll ġralu l-lejl.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

13Imbagħad ħarist, u smajt leħen qawwi ta' ajkla tittajjar fl-għoli tas-sema u tgħajjat: "Jaħasra, jaħasra, u ħasra għalihom dawk li jgħammru fl-art meta jinstemgħu l-bqija tat-trombi li se jdoqqu t-tliet anġli l-oħra!"

## Apokalissi 9

### Il-ħames tromba

1U daqq it-tromba l-ħames anġlu. U rajt kewkba li kienet waqgħet mis-sema fuq l-art, u ngħatalha l-muftieħ tal-bir bla qiegħ.

2U hi fetħet il-bir bla qiegħ, u minn ġo fih telgħet daħna, qisha d-daħna ta' forġa li ma bħalha, hekk li biha x-xemx u l-ajru ddallmu.

3U minn ġod-daħna tferrxu ġradijiet fuq l-art, u lilhom ingħatat setgħa bħal dik li għandhom l-iskorpjuni tal-art.

4U wissewhom biex ma jagħmlu ħsara lil ebda ħaxixa tal-art, lil ebda ħdura jew siġra, imma biss lil dawk il-bnedmin li ma għandhomx fuq ġbinhom il-marka tas-siġill ta' Alla.

5Ordnawlhom, iżda, mhux li joqtluhom, imma li joqogħdu jaħqruhom għal ħames xhur, b'moħqrija bħal dik li jġibu l-iskorpjuni fuq il-bnedmin meta jigdmuhom.

6F'dawk il-jiem il-bnedmin jibdew ifittxu l-mewt bla ma jsibuha; u jixtiequ l-mewt u l-mewt taħrab minnhom!

7Is-sura tal-ġradijiet tixbah lil dik ta' żwiemel imħejjija għat-taqbida; għandhom fuq rashom bħal kuruni qishom tad-deheb, l-uċuħ tagħhom bħall-uċuħ tal-bnedmin,

8xuxithom bħal xuxet in-nisa, snienhom bħal tal-iljuni,

9il-qoxra ta' sidirhom qisha kurazza tal-ħadid, u l-ħoss ta' ġwenħajhom tistħajlu l-ħoss ta' ħafna karrijiet biż-żwiemel imlebbtin għall-gwerra.

10Kellhom denbhom bħal tal-iskorpjuni, għamla ta' mqass, u sewwasew fih kienet is-setgħa tagħhom li jaħqru l-bnedmin għal ħames xhur.

11U fuqhom kellhom bħala sultan tagħhom l-anġlu tal-bir bla qiegħ, li ismu bil-Lhudi hu Abaddon, u bil-Grieg Apolljon.

12Il-ħasra tal-ewwel għaddiet. Ara ġejjin it-tnejn l-oħra warajha.

### Is-sitt tromba

13Is-sitt anġlu daqq it-tromba. U mill-erba' rkejjen tal-artal tad-deheb ta' quddiem Alla smajt leħen


© 2020 Malta Bible Society.

14jgħid lis-sitt anġlu li kellu t-tromba: "Mur ħoll l-erba' anġli li hemm marbutin fix-xmara l-kbira tal-Ewfrat".

15U nħallu l-erba' anġli li kienu mħejjija għas-siegħa u l-jum u x-xahar u s-sena, biex joqtlu wieħed minn kull tlieta minn fost il-bnedmin.

16L-eżerċtu tal-ġellieda kien jgħodd mitejn miljun, kif smajt min jgħid.

17Fid-dehra li kelli, iż-żwiemel u r-rikkieba tagħhom rajthom hekk: il-kurazzi tagħhom kienu minn lewn in-nar u l-ġjaċint u l-kubrit; l-irjus taż-żwiemel kienu qishom irjus ta' ljun; nar, duħħan u kubrit li kienu ħerġin minn fommhom.

18B'dawn it-tliet flaġelli, jiġifieri n-nar u d-duħħan u l-kubrit li kienu ħerġin minn fommhom, inqered bniedem minn kull tlieta,

19għax il-qawwa taż-żwiemel kienet tinsab f'fommhom u f'denbhom; għax denbhom kien qisu serp bir-ras, u bih bdew jagħmluha l-ħsara.

20U l-bqija tal-bnedmin li ma nqerdux b'dawn il-flaġelli ma reġgħux lura mill-għemejjel ta' idejhom u anqas ma waqfu milli jinxteħtu jqimu d-demonji u l-idoli tad-deheb u tal-fidda, tal-bronż, tal-ġebel u tal-injam, li la jistgħu jaraw, la jisimgħu u lanqas jimxu;

21anqas ma nidmu mill-qtil u mis-seħer, miż-żina u mis-serq tagħhom.

## Apokalissi 10

### Il-kastig tal-aħħar ġej

1U rajt anġlu ieħor ta' saħħa kbira nieżel mis-sema, bi sħaba madwaru, qawsalla fuq rasu, wiċċu qisu x-xemx, saqajh donnhom kolonni tan-nar,

2bi ktejjeb miftuħ f'idu. U hu serraħ siequ l-leminija fuq il-baħar u x-xellugija fuq l-art,

3u fetaħ jgħajjat b'leħen qawwi kif jgħajjat iljun, u wara li samma' l-għajta tiegħu, il-ħoss tas-seba' ragħdiet beda jfaqqa'.

4Wara li nstama' l-ħoss tas-seba' ragħdiet jien kont se naqbad nikteb, imma smajt leħen ġej mis-sema jgħid: "Kulma qalu s-seba' ragħdiet ħallih moħbi, tniżżlux fil-kitba."

5Imbagħad l-anġlu, li kont rajtu wieqaf fuq il-baħar u fuq l-art, rafa' idu l-leminija lejn is-sema,

6u ħalef b'dak li hu ħaj għal dejjem ta' dejjem, li ħalaq is-smewwiet b'kulma fihom, u d-dinja b'kulma fiha, u l-baħar b'kulma fih; ħalef li ma hemmx aktar dewmien,


© 2020 Malta Bible Society.

7imma li meta jinstama’ s-seba’ anġlu, li kellu jdoqq it-tromba tiegħu, ikun
mitmum il-misteru ta’ Alla, li kien ħabbar lill-qaddejja tiegħu l-profeti.

### Il-profeta jibla’ l-ktieb

8Imbagħad il-leħen li kont smajt mis-sema raġa’ kellimni u qalli: “Mur ħu l-ktieb
il-miftuħ li hemm f’id l-anġlu wieqaf fuq il-baħar u fuq l-art”.

9U mort ħdejn l-anġlu u għedtlu jagħtini l-ktejjeb. U qalli: “Ħu, u ibilgħu, u jsirlek
imrar ġo fik, imma ġo ħalqek jiġik ħelu għasel.”

10Jien ħadt il-ktejjeb minn id l-anġlu u blajtu, u ġo ħalqi ħassejtu ħelu għasel;
iżda meta kiltu, imlieni bl-imrar ġo fija.

11Imbagħad qaluli: “Int għandek terġa’ tħabbar dwar ħafna popli u ġnus, u
ilsna u slaten.”

## Apokalissi 11

### Iż-żewġ xhieda

1Tawni qasba tal-qjies, donna għasluġ, u qaluli: “Qum, u ħu l-qisien tat-tempju
ta’ Alla u tal-artal u ta’ dawk li qegħdin jagħtu qima fih.

2Il-bitħa ta’ barra tat-tempju ħalliha, tiħux qisien tagħha, għax dik ingħatat lill-
ġnus, u huma se jdumu tnejn u erbgħin xahar jirfsu fuq il-Belt Imqaddsa.

3Imma liż-żewġ xhieda tiegħi nagħtihom li, bl-ilbies tax-xkejjer fuqhom,
iħabbru għal elf, mitejn u sittin jum.”

4Dawn huma ż-żewġ siġriet taż-żebbuġ u ż-żewġ kandelabri wieqfa quddiem
is-Sid tal-art.

5Jekk xi ħadd jaqbad biex jagħmlilhom ħsara, joħroġ nar minn fommhom li jibla’
l-għedewwa tagħhom. Jekk xi ħadd ikun irid jagħmlilhom ħsara, hekk ikollu
jinqered.

6Huma għandhom is-setgħa jagħlqu s-sema biex ma tagħmilx xita matul il-jiem
li fihom ikunu qegħdin iħabbru; għandhom is-setgħa fuq l-ilmijiet biex
ibiddluhom f’demm, u li, kull meta jridu, jidorbu l-art b’kull kastig.

7U meta jkunu taw ix-xhieda tagħhom, il-Bhima, li titla’ mill-bir bla qiegħ,
tagħmlilhom gwerra, tirbaħhom u toqtolhom.

8U l-ġisem mejjet tagħhom iħalluh fil-pjazza tal-Belt il-Kbira, li jsejħulha
b’tixbiha Sodoma u Eġittu, hemm fejn ukoll il-Mulej tagħhom kien imsallab.

9Xi wħud mill-popli, mit-tribù, mill-ilsna u mill-ġnus joqogħdu għal tlitt ijiem u
nofs iħarsu lejn il-ġisem mejjet tagħhom, u ma jħallux li l-iġsma mejta tagħhom
jindifnu f’qabar.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

10U dawk li jkunu jgħammru fuq l-art jifirħu u jithennew minħabba fihom, u
jagħtu rigali lil xulxin, għax dawn iż-żewġ profeti kienu jaħqru lil min jgħammar
fuq l-art.

11Imma wara tlitt ijiem u nofs daħal fihom spirtu ta' ħajja, ġej minn Alla, u huma
waqfu fuq riġlejhom, u biża' kbir waqa' fuq dawk li kienu qegħdin iħarsu
lejhom.

12U semgħu leħen qawwi mis-sema jgħidilhom: "Itilgħu hawn." U huma telgħu
lejn is-sema fi sħaba, u l-għedewwa tagħhom baqgħu jħarsu lejhom.

13U f'dik is-siegħa saret theżżiża kbira tal-art, u ġġarrfet waħda mill-għaxra tal-
Belt; inqerdu f'dik it-theżżiża sebat elef ruħ, u l-bqija twerwru u taw glorja lil
Alla tas-sema.

### Is-seba' tromba

14It-tieni ħasra għaddiet; u ara, tasal minnufih it-tielet ħasra.

15Is-seba' anġlu daqq it-tromba; u ilħna qawwija nstemgħu fis-sema jgħidu: "Is-
saltna tad-dinja saret ta' Sidna u tal-Messija tiegħu, u hu se jsaltan għal dejjem
ta' dejjem."

16U l-erbgħa u għoxrin Xiħ, li kienu bilqiegħda fuq is-siġġijiet tagħhom quddiem
Alla, inxteħtu għal wiċċhom jagħtu qima lil Alla

17u qalu: "Niżżuk ħajr, Mulej, Alla li tista' kollox, li int u li kont, talli ħadt il-
qawwa l-kbira tiegħek u bdejt issaltan.

18Il-ġnus imtlew bil-korla, imma l-korla tiegħek ġiet u wasal iż-żmien li jsir
ħaqq mill-mejtin u jingħata l-ħlas mistħoqq, lill-qaddejja tiegħek il-profeti, lill-
qaddisin u 'l dawk li jibżgħu minn ismek, kemm iż-żgħar u kemm il-kbar, u
jinqerdu dawk li qegħdin jeqirdu d-dinja."

19U nfetaħ it-tempju ta' Alla, li hemm fis-sema, u dehret l-Arka tal-Patt tiegħu
fit-tempju tiegħu. Imbagħad beda jberraq u kien hemm ħafna ħsejjes u ragħad
u theżżiż u silġ oħxon.

## Apokalissi 12

### Id-dehra tal-mara u d-dragun

1U deher sinjal kbir fis-sema: Mara, liebsa x-xemx, bil-qamar taħt riġlejha, u
b'kuruna ta' tnax-il kewkba fuq rasha.

2Hija kienet fit-tqala, u bdiet tgħajjat bl-uġigħ tal-ħlas u tbati biex teħles.

3Imbagħad fis-sema deher sinjal ieħor: ara, Dragun kbir minn lewn in-nar,
b'sebat irjus u għaxart iqrun, u b'seba' dijademi fuq irjusu.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

4U b'denbu kines waħda mit-tlieta tal-kwiekeb tas-sema u waddabhom lejn l-
art. U d-Dragun mar qagħad quddiem il-Mara li kienet se tiled, biex kif tiled lil
binha jibilgħu.

5U hi wildet iben, tifel, li kien għad irid jirgħa l-ġnus b'xettru tal-ħadid. U binha
ġie maħtuf għal quddiem Alla u quddiem it-tron tiegħu.

6U l-Mara ħarbet fid-deżert, hemmhekk fejn għandha post imħejji minn Alla,
biex hemm jitimgħuha għal elf, mitejn u sittin jum.

7Imbagħad qamet gwerra fis-sema: Mikiel u l-anġli tiegħu jitqabdu mad-
Dragun. U d-Dragun u l-anġli tiegħu tqabdu,

8iżda ma kellhomx ħila jegħlbu, u ma kienx hemm iżjed post għalihom fis-sema.

9U kien imwaddab id-Dragun il-kbir, is-Serp tal-qedem, li hu msejjaħ id-
Demonju u x-Xitan, il-qarrieq tad-dinja kollha, kien imwaddab għal fuq l-art, u
miegħu kienu mwaddba l-anġli tiegħu.

10U smajt leħen qawwi fis-sema jgħid: "Issa ġiet is-salvazzjoni u l-qawwa, u s-
Saltna ta' Alla tagħna, u s-setgħa tal-Messija tiegħu, għax twaddab 'il barra dak
li jixli 'l ħutna, li lejl u nhar jixlihom quddiem Alla tagħna.

11U huma ħarġu rebbieħa fuqu permezz tad-demm tal-Ħaruf u bis-saħħa tal-
kelma li xehdu, u ma għożżewx ħajjithom, minkejja saħansitra l-mewt.

12Għalhekk ifirħu, smewwiet, u intom li tgħammru fihom. Ħażin għalikom, art
u baħar, għax fikom niżel id-Demonju, b'korla kbira fuqu, għax jaf li żmien ftit
baqagħlu."

13Meta d-Dragun ra li safa mwaddab għal fuq l-art, huwa telaq għal wara l-Mara
li wildet it-Tifel.

14Iżda lill-Mara tawha ż-żewġ ġwienaħ tal-Ajkla l-kbira biex ittir lejn il-post
tagħha fid-deżert, fejn għandha tkun mitmugħa għal żmien, għal żewġ żminijiet,
u għal nofs żmien, 'il bogħod mis-Serp.

15U s-Serp minn ħalqu xeħet wara l-Mara bħal xmara ta' ilma biex iġorrha
miegħu;

16imma l-art għenet il-Mara; l-art fetħet ħalqha u xorbot ix-xmara li d-Dragun
kien xeħet minn ħalqu.

17U d-Dragun imtela bil-korla għall-Mara, u mar biex jagħmel gwerra mal-bqija
ta' nisilha, ma' dawk li jħarsu l-preċetti ta' Alla u li għandhom ix-xhieda ta' Ġesù.

18U waqaf fuq ir-ramel tal-baħar.

## Apokalissi 13


© 2020 Malta Bible Society.

## Id-Dragun jgħaddi l-qawwa tiegħu lill-Bhima

1U rajt tielgħa mill-baħar Bhima, li kellha għaxart iqrun u sebat irjus, b'għaxar
dijademi fuq qrunha u isem midgħi fuq irjusha.

2Il-Bhima li rajt kienet qisha pantera, riġlejha bħal ta' ors, ħalqha donnu ħalq
ta' ljun. Id-Dragun taha l-qawwa tiegħu u t-tron tiegħu u setgħa kbira.

3Waħda mill-irjus tagħha kienet qisha midruba għall-mewt, imma din il-ġerħa
għall-mewt kienet imfejqa. U d-dinja kollha baqgħet mistagħġba bil-Bhima,

4u nxteħtu jagħtu qima lid-Dragun talli għadda s-setgħa tiegħu lill-Bhima, u
qiemu l-Bhima, u qalu: "Min hu bħall-Bhima, u min għandu ħila jitqabad
magħha?"

5U ngħatalha fomm li jgħid kliem ta' kburija u ta' dagħa, u tawha wkoll setgħa
biex tħaddimha għal tnejn u erbgħin xahar.

6U fetħet fommha biex tidgħi kontra Alla, dagħa b'ismu u bil-post fejn
jgħammar, b'dawk li jgħammru fis-sema.

7U ngħatalha li tagħmel gwerra lill-qaddisin u tegħlibhom; tawha wkoll setgħa
fuq kull tribù u kull poplu, kull ilsien u kull ġens.

8U nxteħtu jqimuha dawk kollha li jgħammru fuq l-art, li sa mit-twaqqif tad-
dinja isimhom mhuwiex imniżżel fil-ktieb tal-ħajja tal-Ħaruf il-maqtul.

9Ha jisma' min għandu widnejn:

10Min għandu jinqabad ilsir, fil-jasar imur; u min għandu jmut bis-sejf, bis-sejf
imut. F'dan qiegħed is-sabar u l-fidi tal-qaddisin.

## Il-qaddejja l-ħżiena tal-Bhima

11Imbagħad rajt tielgħa mill-art bhima oħra, li kellha żewġt iqrun bħal ta' ħaruf,
u kienet titkellem bħal dragun.

12Hija tħaddem is-setgħa kollha tal-Bhima quddiemha stess, u ġġiegħel l-art u 'l
dawk li jgħammru fiha jinxteħtu jqimu l-Bhima ta' qabel, li l-ġerħa tagħha għall-
mewt kienet tfejqet.

13U hija tagħmel sinjali kbar, hekk li saħansitra tniżżel nar mis-sema fuq l-art
quddiem il-bnedmin.

14U tawha s-setgħa li tagħmel is-sinjali quddiem il-Bhima u bihom hija tqarraq
bin-nies tal-art, u tgħidilhom isawru xbieha lill-Bhima li kienet qalgħet id-
daqqa ta' sejf u baqgħet ħajja.

15U tawha wkoll is-setgħa li tagħti spirtu ta' ħajja lix-xbieha tal-Bhima biex hi
wkoll titkellem u twassal għall-mewt lil min ma jinxteħetx iqim ix-xbieha tal-
Bhima.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

16Hija ġġiegħel lil kulħadd, iż-żgħar u l-kbar, l-għonja u l-foqra, il-ħielsa u l-
ilsiera, kulħadd issirlu marka fuq idu l-leminija jew fuq ġbinu,

17biex ħadd ma jkun jista' jixtri jew ibigħ jekk ma jkollux fuqu l-marka ta' isem
il-Bhima jew tan-numru ta' isimha.

18Hawn qiegħed l-għerf: min għandu moħħu, ħa jobsor x'inhu n-numru tal-
Bhima, għax numru ta' bniedem hu. U n-numru tagħha hu sitt mija u sitta u
sittin.

# Apokalissi 14

### Sħab il-Ħaruf

1Imbagħad ħarist u rajt il-Ħaruf, wieqaf fuq il-muntanja Sijon, u miegħu mija u
erbgħa u erbgħin elf ruħ, li kellhom ismu u isem Missieru miktub fuq ġbinhom.

2U smajt leħen mis-sema, qisu ħoss ta' ħafna ilmijiet, donnu tkarwit ta' ragħad;
u l-leħen li smajt kien bħal dak ta' kitarristi jdoqqu ċ-ċetri tagħhom.

3Kienu jgħannu għanja ġdida quddiem it-tron u quddiem l-erba' Ħlejjaq Ħajjin
u x-Xjuħ. U ħadd ma seta' jitgħallimha dik l-għanja, ħlief il-mija u erbgħa u
erbgħin elf, il-mifdija mill-art.

4Dawn huma li ma tniġġsux man-nisa, għax huma verġni; huma li jimxu wara l-
Ħaruf kull fejn imur; huma kienu mifdija minn fost il-bnedmin, l-ewwel frott
għal Alla u għall-Ħaruf,

5u minn fommhom qatt ma ħarġet gidba; bla tebgħa huma.

### It-tliet anġli li jħabbru l-Ġudizzju

6Imbagħad rajt anġlu ieħor jittajjar fl-għoli tas-sema, bl-Evanġelju ta' dejjem
ħalli jxandru lil min jgħammar fuq l-art, lil kull ġens, tribù, ilsien u poplu;

7u b'leħen qawwi beda jgħid: "Ibżgħu minn Alla u agħtuh glorja, għax ġiet is-
siegħa tal-ħaqq tiegħu, u nxteħtu agħtu qima lil dak li għamel is-sema u l-art u
l-baħar u l-għejun tal-ilmijiet."

8U anġlu ieħor, it-tieni wieħed, ġie warajh jgħid: "Iġġarrfet, iġġarrfet Babilonja
l-Kbira, dik li sqiet il-ġnus kollha bl-inbid ibaqbaq taż-żina tagħha."

9U anġlu ieħor, it-tielet wieħed, ġie warajhom jgħid b'leħen qawwi: "Min
jinxteħet iqim il-Bhima u x-xbieha tagħha u jieħu l-marka fuq ġbinu jew fuq idu,

10hu wkoll jixrob mill-inbid tal-korla ta' Alla li hemm imferragħ safi fit-tazza tal-
qilla tiegħu, u jinħaqar b'nar u kubrit quddiem l-anġli qaddisin u quddiem il-
Ħaruf.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

11U d-duħħan tat-tbatija tagħhom jitla' għal dejjem ta' dejjem; u ma jkollhomx
mistrieħ, la billejl u lanqas binhar, dawk li jinxteħtu jqimu l-Bhima u x-xbieha
tagħha u min jieħu l-marka ta' isimha."

12F'dan qiegħed is-sabar tal-qaddisin, ta' dawk li jħarsu l-preċetti ta' Alla u l-fidi
f'Ġesù.

13Imbagħad smajt leħen mis-sema jgħid: "Ikteb: Hienja minn issa l-mejtin li
jmutu fil-Mulej. Iva, jgħid l-Ispirtu, huma jistrieħu mit-taħbit kollu tagħhom,
għax l-għemejjel tagħhom imorru magħhom."

### Il-ħsad u l-ġbir tal-ġnus tal-art

14Harist, u rajt sħaba bajda, u fuq is-sħaba kien hemm bilqiegħda wieħed donnu
Iben ta' bniedem, b'kuruna tad-deheb fuq rasu u minġel misnun f'idu.

15U mit-tempju ħareġ anġlu ieħor jgħajjat b'leħen qawwi lil dak li kien
bilqiegħda fuq is-sħaba: "Midd il-minġel tiegħek u aħsad, għax waslet is-siegħa
biex taħsad, għax il-ħsad tal-art misjur sewwa."

16U dak li kien bilqiegħda fuq is-sħaba xejjer il-minġel tiegħu, u l-art sarilha l-
ħsad.

17U mbagħad mit-tempju li hemm fis-sema ħareġ anġlu ieħor, li kellu hu wkoll
minġel misnun.

18U anġlu ieħor, li kellu s-setgħa fuq in-nar, ħareġ minn ħdejn l-artal u għajjat
b'leħen qawwi lil dak li kellu l-minġel misnun u qallu: "Midd int il-minġel il-
misnun, u iġbor l-għenieqed tad-dielja tal-art, għax l-għeneb tagħha sar."

19U l-anġlu xejjer il-minġel tiegħu lejn l-art, qata' l-għenieqed tad-dielja tal-art,
u xeħethom fil-magħsra l-kbira tal-korla ta' Alla;

20imbagħad bdew jisħqu l-għeneb fil-magħsra barra l-belt, u mill-magħsra
ħareġ demm hekk li laħaq sal-ħadid tal-ilġiem taż-żwiemel f'wesgħa ta' elf u sitt
mitt stadju.

## Apokalissi 15

### Il-martri jgħannu l-kantiku ta' Mosè

1Imbagħad fis-sema rajt sinjal ieħor, kbir u tal-għaġeb: seba' anġli li kellhom
seba' kastigi, dawk tal-aħħar, li bihom kellha tintemm il-korla ta' Alla.

2U rajt bħal baħar tal-ħġieġ imħallat bin-nar, u weqfin fuq il-baħar tal-ħġieġ rajt
lil dawk li kienu ħarġu rebbieħa fuq il-Bhima u fuq xbihitha u n-numru ta'
isimha; b'ċetri ta' Alla f'idejhom,


© 2020 Malta Bible Society.

3huma jgħannu l-kantiku ta' Mosè l-qaddej ta' Alla u l-kantiku tal-Haruf, u jgħidu: "Kbar u tal-għaġeb l-għemejjel tiegħek, Mulej, Alla li tista' kollox; ġusti u veri t-triqat tiegħek, Sultan tal-ġnus.

4Min, Mulej, ma jibżax minnek u ma jsebbaħx lil ismek? Għax int waħdek qaddis; il-ġnus kollha jiġu u jinxteħtu quddiemek, għax il-ġudizzji tiegħek intwerew."

**Is-seba' kastigi tas-seba' bwieqi**

5Wara dan jiena ħarist, u fis-sema nfetaħ it-Tempju, it-tinda tax-Xhieda Miktuba,

6u mit-Tempju ħarġu s-seba' anġli bis-seba' kastigi; kienu lebsin għażel safi jgħammex l-għajnejn u mdawrin ma' sidirhom kellhom ħżimijiet tad-deheb.

7U wieħed mill-erba' Ħlejjaq Ħajjin ta lis-seba' anġli seba' bwieqi tad-deheb, mimlijin bil-korla ta' Alla li hu ħaj għal dejjem ta' dejjem.

8U t-Tempju mtela bid-duħħan ħiereġ mill-glorja ta' Alla u mill-qawwa tiegħu, u ħadd ma kien jista' jidħol fit-Tempju sa ma ntemmu s-seba' kastigi tas-seba' anġli.

## Apokalissi 16

1U smajt leħen qawwi ġej mit-Tempju u jgħid lis-seba' anġli: "Morru, ferrgħu s-seba' bwieqi tal-korla ta' Alla fuq l-art."

2U l-ewwel wieħed mar u ferragħ il-bieqja tiegħu fuq l-art. U ġerħa kerha u ta' wġigħ kbir ġiet fuq il-bnedmin li kellhom fuqhom il-marka tal-Bhima u fuq dawk li nxteħtu jqimu x-xbieha tagħha.

3U t-tieni wieħed ferragħ il-bieqja tiegħu fuq il-baħar. U dan sar qisu d-demm ta' wieħed mejjet, u nqerdet kull ħliqa ħajja li kien hemm fil-baħar.

4Imbagħad it-tielet wieħed ferragħ il-bieqja tiegħu fuq ix-xmajjar u l-għejun tal-ilmijiet. U dawn saru demm.

5U smajt l-anġlu tal-ilmijiet jgħid: "Ġust int, int li hu u li kien, Qaddis int, għax għamilt ħaqq minn dawn;

6għax huma xerrdu demm il-qaddisin u l-profeti, u lilhom tajthom demm x'jixorbu: hekk ħaqqhom."

7U smajt l-artal jgħid: "Iva, Mulej, Alla li tista' kollox, veri u ġusti huma l-ġudizzji tiegħek."

8U r-raba' wieħed ferragħ il-bieqja tiegħu fuq ix-xemx. U ngħata lilha li taħraq il-bnedmin bin-nar;

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

9u l-bnedmin inħarqu bi ħruq kbir, u bdew jidgħu bl-isem ta' Alla li għandu s-setgħa fuq dawn il-kastigi, u ma nidmux biex jagħtuh glorja.

10Imbagħad il-ħames wieħed ferragħ il-bieqja tiegħu fuq it-tron tal-Bhima. U s-saltna tagħha ddallmet, u n-nies bl-uġigħ bdew igiddmu lsienhom bi snienhom,

11u jidgħu b'Alla tas-sema minħabba l-uġigħat u l-ġerħat tagħhom, u ma ġithomx indiema mill-għemejjel tagħhom.

12U s-sitt wieħed ferragħ il-bieqja tiegħu fuq ix-xmara l-kbira tal-Ewfrat. U l-ilma tagħha nixef, hekk li nfetħet triq għas-slaten tal-Lvant.

13Imbagħad minn fomm id-Dragun, minn fomm il-Bhima u minn fomm il-Profeta Qarrieq rajt ħerġin tliet spirti mniġġsin qishom żringijiet:

14għax dawn huma spirti ta' demonji li jagħmlu sinjali li joħorġu għal għand is-slaten tad-dinja kollha ħalli jiġbruhom għall-gwerra ta' nhar il-Jum il-kbir ta' Alla li jista' kollox.

15(Arani ġej bħal ħalliel! Hieni min jishar u jieħu ħsieb l-ilbiesi tiegħu biex ma jimxix għarwien u jarawlu l-għera tiegħu.)

16Imbagħad jiġbruhom fil-post li bil-Lhudi jsejħulu Harmagedon.

17U s-seba' wieħed ferragħ il-bieqja tiegħu fl-ajru. U mit-Tempju, min-naħa tat-tron, ħareġ leħen qawwi jgħid: "Seħħ!"

18U beda jleħħ il-beraq, bi ħsejjes u tkarwit ta' ragħad, u sar terremot hekk kbir li bħalu qatt ma sar kemm ilu l-bniedem fuq l-art, theżżiż bħal dak hekk kbir!

19U l-Belt il-Kbira nqasmet fi tlieta, u l-bliet tal-ġnus iġġarrfu, u Babilonja l-Kbira ftakar fiha Alla biex jagħtiha t-tazza bl-inbid ibaqbaq tal-qilla tiegħu.

20U ħarbet kull gżira, u l-muntanji ma nstabux iżjed.

21U silġ oħxon, kull waħda tqila daqs talent, niżel mis-sema fuq il-bnedmin, u l-bnedmin ħaduha kontra Alla minħabba fil-kastig tas-silġ għax kbir wisq hu dan il-kastig.

## Apokalissi 17

### Il-Prostituta l-Kbira u l-Bhima

1Imbagħad ġie wieħed mis-seba' anġli li kellhom is-seba' bwieqi, kellimni u qalli: "Ejja ħa nurik il-ħaqq isir miż-Żienja l-Kbira li hi bilqiegħda fuq ħafna ilmijiet;

2kien magħha li waqgħu fiż-żina s-slaten tal-art, u bl-inbid taż-żina tagħha sikru dawk li jgħammru fuq l-art."


© 2020 Malta Bible Society.

3U bil-qawwa tal-Ispirtu ħadni fid-deżert, u rajt Mara riekba fuq Bhima ta' lewn aħmar dagħmieni, mimlija b'ismijiet midgħajja, li kellha sebat irjus u għaxart iqrun.

4U l-Mara kellha fuqha lbies tal-porpra u ta' lewn aħmar skarlatt, b'tagħmira deheb fuqha u ħaġar prezzjuż u ġawhar, u b'tazza tad-deheb f'idha, mimlija bil-qżiżijiet u l-ħmiġijiet taż-żina tagħha.

5Fuq ġbinha kellha miktub isem misterjuż: "Babilonja l-Kbira, omm in-nisa żienja u l-qżiżijiet tal-art."

6U rajt il-Mara fis-sakra bid-demm tal-qaddisin u bid-demm tal-martri ta' Ġesù. Jien tnixxift inħares lejn dan l-għaġeb kbir.

7U qalli l-anġlu: "Għaliex tistagħġeb? Se ngħidlek jien x'inhu l-misteru tal-Mara u tal-Bhima b'sebat irjus u għaxart iqrun li qiegħda żżommha fuqha."

**It-tixbiha tal-Bhima u tal-Mara Prostituta**

8"Il-Bhima li int rajt, kienet, imma m'għadhiex iżjed; issa se titla' mill-bir bla qiegħ biex tmur għall-qerda tagħha. U dawk li jgħammru fuq l-art, li sa mit-twaqqif tad-dinja isimhom mhuwiex imniżżel fil-ktieb tal-ħajja, jistagħġbu huma u jaraw il-Bhima, li kienet u li m'għadhiex iżjed u li għad terġa' tidher.

9Hawn jenħtieġ moħħ li jkollu l-għerf! Is-sebat irjus huma s-seba' muntanji li fuqhom hi bilqiegħda l-Mara. U huma wkoll is-seba' slaten.

10Hamsa minnhom waqgħu, wieħed għadu hawn, u ieħor għadu ma ġiex, u, meta jiġi, ikollu jdum ftit.

11U l-Bhima, li kienet u ma għadhiex iżjed, hi stess hija t-tmien waħda, imma wkoll waħda mis-sebgħa, u sejra għall-qerda tagħha.

12U l-għaxart iqrun li rajt huma għaxar slaten; huma għadhom ma ħadux is-saltna, iżda għad jieħdu s-setgħa ta' slaten għal siegħa waħda biss flimkien mal-Bhima.

13Dawn fehma waħda għandhom, li jagħtu l-qawwa u s-setgħa tagħhom lill-Bhima.

14Għad jagħmlu gwerra lill-Haruf, u l-Haruf joħroġ rebbieħ fuqhom, għax hu Sid is-sidien u Sultan is-slaten, flimkien ma' dawk li huma miegħu msejħin u magħżulin u fidili."

15U ssokta jgħidli: "L-ilmijiet li rajt, fejn hemm bilqiegħda ż-Żienja, huma popli u folol ta' nies u ġnus u ilsna.

16U l-għaxart iqrun u l-Bhima li rajt, dawn ikollhom mibegħda għall-Mara żienja, jagħmluha bħal deżert u jneżżgħuha, u jiklulha laħamha u jaħarquha bin-nar.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

17Għax Alla webbilhom biex jagħmlu l-fehma tiegħu, ħalli huma wkoll fehma
waħda jkollhom, li jagħtu s-saltna tagħhom lill-Bhima, sa ma l-kliem ta' Alla
jkun seħħ.

18U l-Mara li rajt hija l-Belt il-Kbira, li għandha s-saltna fuq is-slaten tal-art."

## Apokalissi 18

### Anġlu jħabbar il-waqgħa ta' Babilonja

1Wara dan rajt anġlu ieħor nieżel mis-sema b'setgħa kbira, u l-art imtliet bid-
dawl tal-glorja tiegħu.

2U għajjat b'leħen qawwi u qal: "Iġġarrfet, iġġarrfet Babilonja l-Kbira, u saret
għamara tad-demonji, saret ħabs tal-ispirti mniġġsin kollha, ħabs tat-tajr
imniġġes u mibgħud kollu;

3għax mill-inbid ibaqbaq taż-żina tagħha xorbu l-ġnus kollha, u s-slaten tal-art
waqgħu fiż-żina magħha, u l-merkanti tal-art stagħnew bil-ħala bla rażan
tagħha."

### Il-ħarba tal-poplu ta' Alla

4Imbagħad smajt leħen ieħor mis-sema jgħid: "Oħorġu minnha, poplu tiegħi,
biex ma jkollkomx x'taqsmu magħha fi dnubietha, u biex mill-kastigi tagħha ma
tiħdux sehem.

5Għax dnubietha saru munzell għoli sas-sema, u Alla ftakar fl-għemejjel ħżiena
tagħha.

6Roddulha skont ma hi stess radditilkom, ħallsuha d-doppju għal li
għamlitilkom, ħawrulha d-doppju fit-tazza li ħawret hi.

7Daqskemm issebbħet u tatha għall-ħala, daqshekk ieħor ġagħluha tbati u
nikktuha, għax hija f'qalbha tgħid: 'Jiena sultana bilqiegħda fuq it-tron, m'iniex
armla, u tassew li n-niket ma nafx bih.'

8Għalhekk f'jum wieħed jiġuha l-kastigi tagħha: mewt u niket u ġuħ, u fin-nar
għad tinħaraq, għax setgħani hu l-Mulej li jagħmel ħaqq minnha."

### Lamentazzjoni fuq Ruma

9Imbagħad is-slaten tal-art, li kienu tawha għaż-żina u għall-ħala magħha,
jibdew jibku u jagħtu fuq sidirhom minħabba fiha meta jaraw id-duħħan tal-
ħuġġieġa tagħha,

10u jieqfu 'l bogħod, kollhom biża' mit-tbatija tagħha, u jgħidu: "Jaħasra, jaħasra,
il-Belt il-Kbira, Babilonja, il-belt setgħana! Kif sarlek f'siegħa waħda l-ħaqq
tiegħek!"

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

11Il-merkanti tal-art jibku u jitnikktu minħabba fiha, għax il-biegħa tagħhom
ħadd iżjed ma jkun jixtriha,

12biegħa ta' deheb u fidda, ħaġar prezzjuż u ġawhar, għażel fin, porpra, ħarir u
drapp tal-iskarlatt, kull xorta ta' injam ifuħ, kull xorta ta' oġġetti tal-avorju u ta'
injam jiswa ħafna, bronż, ħadid, irħam,

13ħwawar tal-kannella u ħxejjex tal-balzmu, fwieħa, mirra, inċens, inbid u żejt,
smid u qamħ, bhejjem u nagħaġ, żwiemel u karrijiet, ilsiera u nies għall-bejgħ.

14"U tbiegħed minnek il-frott imwaħħar li għalih kont tixxennaq, u kull tħaxxim
u tlellix intilef għalik, u żgur li qatt iżjed ma jinstab!"

15Il-merkanti ta' dawn il-ħwejjeġ, li stagħnew minn fuqha, jieqfu 'l bogħod,
imbikkija u mnikkta, kollhom biża' mit-tbatija tagħha,

16u jgħidu: "Jaħasra, jaħasra, il-Belt il-Kbira, li kienet tilbes għażel fin, u porpra
u drapp tal-iskarlatt, b'tagħmir ta' deheb fuqha, u ħaġar prezzjuż u ġawhar!

17Kif f'siegħa waħda ġie fix-xejn dan l-għana kollu." U l-bdoti u n-nies kollha tal-
baħar, il-baħrin u dawk kollha li jaħdmu fuq il-baħar, waqfu 'l bogħod,

18u bdew jgħajtu xħin raw id-duħħan tal-ħuġġieġa tagħha, u qalu: "Min kien
bħall-Belt il-Kbira!"

19U xeħtu t-trab fuq rashom, u nfexxew f'biki u niket u qalu: "Jaħasra, jaħasra,
il-Belt il-Kbira, li mill-kotra tal-ġid tagħha stagħna kull min għandu l-iġfna fuq
il-baħar! Kif f'siegħa waħda ġiet fix-xejn!"

20Ifraħ, sema, minħabba fiha, u intom ukoll, qaddisin u appostli u profeti, għax
Alla tħallas minnha għalikom!

21Imbagħad wieħed anġlu ta' saħħa kbira rafa' ġebla kbira tal-mitħna,
waddabha fil-baħar u qal: "Hekk b'saħħa tintrema Babilonja, il-Belt il-Kbira, u
ma tinstabx iżjed.

22U fik ma jinstemax iżjed id-daqq tal-kitarristi u l-leħen tal-għannejja; tad-
daqqaqa tal-flawt u tat-trombi; ebda mgħallem ta' ebda sengħa ma jinstab iżjed
ġewwa fik; fik aktar ma tinstamax l-għanja tal-mitħna;

23fik aktar ma jiddix id-dawl tal-musbieħ; l-għana tal-għarus u tal-għarusa fik
aktar ma jinstamax. Għax il-merkanti tiegħek kienu l-kbarat tal-art, u bis-seħer
tiegħek tqarrqu l-ġnus kollha."

24U fiha nstab id-demm tal-profeti u tal-qaddisin u tal-maqtulin kollha fuq l-art.

## Apokalissi 19

### Għanja ta' rebħ fis-sema

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

1Wara dan smajt bħal leħen qawwi ta' kotra kbira fis-sema jgħidu: "Hallelujah!
Is-Salvazzjoni u l-glorja u l-qawwa ta' Alla tagħna,

2għax veri u ġusti huma l-ġudizzji tiegħu; għax għamel ħaqq miż-Żienja l-Kbira,
dik li ħassret l-art biż-żina tagħha, u tħallas minnha tad-demm tal-qaddejja
tiegħu."

3U reġgħu qalu: "Hallelujah! Iva, id-duħħan tagħha tiela' għal dejjem ta' dejjem."

4U l-erbgħa u għoxrin Xiħ u l-erba' Ħlejjaq Ħajjin inxteħtu jagħtu qima lil Alla li
qiegħed fuq it-tron, u qalu: "Ammen! Hallelujah!"

### It-tieġ tal-Ħaruf

5U ġie leħen mit-tron jgħid: "Faħħru lil Alla tagħna, qaddejja tiegħu kollha, u
intom li tibżgħu minnu, kemm żgħar u kemm kbar."

6U smajt bħal leħen ta' kotra kbira u bħal ħoss ta' ilmijiet kotrana u bħal tkarwit
ta' ragħad qawwi, jgħidu: "Hallelujah! Għax ħa s-saltna l-Mulej, Alla tagħna li
jista' kollox.

7Nifirħu u nithennew u nagħtuh glorja, għax wasal it-tieġ tal-Haruf, u l-Għarusa
tiegħu ħejjiet ruħha,

8u lilha ngħata li tilbes għażel fin jgħammex l-għajnejn - għax l-għażel fin ifisser
l-għemejjel tajba tal-qaddisin."

9Imbagħad qalli: "Ikteb: Hienja dawk li kienu mistiedna għall-mejda tat-tieġ tal-
Ħaruf." Qalli: "Dan hu kliem tassew ta' Alla."

10U jiena nżilt f'riġlejh quddiemu u nxtħett nagħtih qima; iżda hu qalli: "Hekk
le! Jiena qaddej bħalek u bħal ħutek li għandhom ix-xhieda ta' Ġesù. Il-qima lil
Alla tagħtiha." Għax ix-xhieda ta' Ġesù hi l-ispirtu tal-profezija.

### Ir-Rikkieb fuq żiemel abjad

11Imbagħad rajt is-sema miftuħ, u kien hemm żiemel abjad! Dak li kien riekeb
fuqu jissejjaħ Fidil u Veru; bil-ġustizzja hu jaqta' l-ħaqq u jagħmel il-gwerra.

12Għajnejh qishom ħuġġieġa nar, b'ħafna dijademi fuq rasu, u b'isem miktub
fuqu li ħadd ħliefu ma jafu.

13Kien liebes mantell imxarrab bid-demm, u jissejjaħ bl-isem "il-Kelma ta' Alla".

14Mexjin warajh, fuq żwiemel bojod, kien hemm l-eżerċti tas-sema, lebsin l-
għażel abjad bla nikta.

15Minn fommu ħierġa xabla misnuna, biex jolqot il-ġnus, u jmexxihom b'xettru
tal-ħadid. Huwa jisħaq l-inbid ibaqbaq fil-magħsra tal-korla ta' Alla li jista'
kollox.


© 2020 Malta Bible Society.

16Fuq il-mantell u fuq koxxtu għandu miktub isem: "Sultan tas-slaten u Sid tas-sidien."

17U rajt wieħed anġlu wieqaf fuq ix-xemx, u qabad jgħajjat b'leħen qawwi u jgħid lit-tjur kollha li jittajru fl-għoli tas-smewwiet: "Ejjew, inġabru flimkien għall-mejda l-kbira ta' Alla.

18Ħalli tieklu laħam is-slaten, laħam il-kaptani, laħam is-setgħana, laħam iż-żwiemel u r-rikkieba tagħhom, il-laħam ta' kulħadd, sew ħielsa u sew ilsiera, kemm żgħar u kemm kbar."

19Imbagħad rajt il-Bhima u s-slaten kollha tal-art u l-eżerċti tagħhom, miġbura flimkien biex jagħmlu gwerra lil dak li kien riekeb fuq iż-żiemel u lill-eżerċtu tiegħu.

20U l-Bhima nqabdet, u wkoll il-Profeta Qarrieq li quddiemha kien jagħmel is-sinjali li bihom kien qarraq b'dawk li ħadu l-marka tal-Bhima u li nxteħtu jqimu x-xbieha tagħha. U t-tnejn twaddbu ħajjin fil-belliegħa tan-nar jaqbad tal-kubrit.

21U l-bqija sfaw maqtula bix-xabla li kienet ħarġet minn fomm dak li kien riekeb fuq iż-żiemel, u t-tajr kollu kililhom laħamhom sa xaba'.

## Apokalissi 20

### Is-Saltna ta' elf sena

1U rajt nieżel mis-sema anġlu, bil-muftieħ tal-bir bla qiegħ u katina kbira f'idu.

2U huwa qabad id-Dragun, is-Serp tal-qedem, li hu d-Demonju u x-Xitan, u rabtu għal elf sena,

3u waddbu fil-bir bla qiegħ, li mbagħad għalqu fuqu u ssiġillah biex ma jqarraqx iżjed bil-ġnus sa ma jintemmu l-elf sena. Wara dawn imbagħad ikun meħtieġ li jinħall għal ftit taż-żmien.

4U rajt tronijiet, u fuqhom qagħdu bilqiegħda xi wħud li lilhom ngħatat is-setgħa li jagħmlu l-ħaqq. Rajt ukoll l-erwieħ ta' dawk li kienu qatgħulhom rashom minħabba fix-xhieda ta' Ġesù u l-Kelma ta' Alla, u lil dawk li ma kinux inxteħtu jagħtu qima lill-Bhima u lix-xbieha tagħha, u li ma ħadux il-marka fuq ġbinhom u fuq idhom. U dawn bdew jgħixu u jsaltnu ma' Kristu għal elf sena.

5Il-bqija tal-mejtin ma reġgħux ħadu l-ħajja sa ma jkunu ntemmu l-elf sena. Dan hu l-ewwel qawmien tal-imwiet.

6Hieni u qaddis min għandu sehem fl-ewwel qawmien tal-imwiet; it-tieni mewt ma għandha ebda setgħa fuq dawn, imma jkunu qassisin ta' Alla u ta' Kristu, u jsaltnu miegħu matul l-elf sena.

### Ir-rebħa fuq ix-Xitan

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.

7U meta jintemmu l-elf sena, ix-Xitan jinħall mill-ħabs tiegħu,

8u joħroġ iqarraq bil-ġnus li jinsabu fl-erba' rkejjen tal-art, jiġifieri Gog u Magog,
u jiġborhom għall-gwerra f'kotra kbira daqs ir-ramel tal-baħar.

9Huma telgħu fuq il-wisa' kollu tal-art u dawru l-kamp tal-qaddisin u l-Belt l-
għażiża. Imma mis-sema niżel nar u belagħhom.

10Imbagħad id-Demonju, li kien qarraq bihom, sab ruħu mwaddab fil-belliegħa
ta' nar u kubrit, fejn hemm ukoll il-Bhima u l-Profeta Qarrieq, u jibqgħu jbatu
lejl u nhar għal dejjem ta' dejjem.

### Il-Ġudizzju mit-tron kbir abjad

11Rajt imbagħad tron kbir abjad u 'l dak li hu bilqiegħda fuqu. L-art u s-sema
ħarbu minn quddiemu, bla ma nstab post għalihom.

12U rajt il-mejtin, kbar u żgħar, quddiem it-tron. U nfetħu l-kotba. Infetaħ ukoll
ktieb ieħor, dak tal-ħajja. Imbagħad il-mejtin sar ħaqq minnhom fuq l-għemejjel
tagħhom, skont ma kienu mniżżla fil-kotba.

13Il-baħar radd lura l-mejtin li kien hemm ġo fih, u hekk ukoll il-Mewt u l-Qiegħ
tal-art raddew lura l-mejtin li kien hemm ġo fihom, u kull wieħed minnhom sar
ħaqq minnu fuq l-għemejjel tiegħu.

14Imbagħad il-Mewt u Post il-Mejtin ġew mixħuta fil-belliegħa tan-nar - din l-
għadira tan-nar hija t-tieni mewt.

15Hekk ukoll min ma nstabx imniżżel fil-ktieb tal-ħajja, kien mixħut fil-belliegħa
tan-nar.

## Apokalissi 21

### Ġerusalemm: il-Belt il-qaddisa

1U rajt sema ġdid u art ġdida, għax is-sema ta' qabel u l-art ta' qabel għabu, u
ma kienx hemm iżjed baħar.

2U l-Belt il-qaddisa, Ġerusalemm il-ġdida, rajtha nieżla mis-sema mingħand
Alla, imħejjija bħal għarusa mżejna għall-għarus tagħha.

3U smajt leħen qawwi ġej mit-tron jgħid: "Din hi l-għamara ta' Alla mal-
bnedmin; u hu jgħammar magħhom, u huma jkunu l-poplu tiegħu, u Alla nnifsu
jkun magħhom, Alla tagħhom.

4Hu jixxuttalhom kull demgħa minn għajnejhom; ma jkunx hemm iżjed mewt,
anqas biki jew għajjat jew tbatija ma jkun hemm iżjed, għax għabu l-ħwejjeġ ta'
qabel."


© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

5Imbagħad dak li hu bilqiegħda fuq it-tron qal: "Ara, se nġedded kollox." Qalli:
"Ikteb, għax dawn il-kelmiet huma minnhom u ta' min joqgħod fuqhom."

6U qalli mbagħad: "Seħħu! Jiena l-Alfa u l-Omega, il-Bidu u t-Tmiem. Lil min hu
bil-għatx jiena nisqih b'xejn mill-għajn tal-Ħajja.

7Dawn jirithom ir-rebbieħ; u jiena nkun Alla tiegħu u hu jkun ibni.

8Imma għall-ġwejjef, għal min ma baqax fidil, għal dawk ta' ħajja mħassra, għall-
qattiela, għaż-żienja, għas-saħħara, għall-idolatri u għall-giddieba kollha,
sehemhom ikun fil-belliegħa tan-nar iħeġġeġ u tal-kubrit; din hi t-tieni mewt."

**Il-glorja tal-Għarusa, mart il-Ħaruf**

9Imbagħad wieħed mis-seba' anġli, dawk tas-seba' bwieqi bl-aħħar seba'
kastigi, ġie jkellimni u qalli: "Ejja nurik l-Għarusa, mart il-Ħaruf."

10U ħadni fl-ispirtu fuq muntanja kbira u għolja, u wrieni l-Belt il-Qaddisa,
Ġerusalemm, nieżla mis-sema mingħand Alla,

11bil-glorja ta' Alla fiha, tiddi bħal ħaġra mill-aktar prezzjuża, bħal ġaspru jleqq
daqs il-kristall.

12Għandha ħajt kbir u għoli, bi tnax-il bieb fih, u tnax-l anġlu fil-bibien li fuqhom
hemm miktuba ismijiet, l-ismijiet tat-tnax-il tribù ta' wlied Iżrael.

13Tlieta minn dawn il-bibien jagħtu għan-naħa tal-Lvant, tlieta għan-naħa tat-
Tramuntana, tlieta għan-naħa tan-Nofsinhar, u tlieta għan-naħa tal-Punent.

14U l-ħajt tal-Belt għandu tnax-il pedament, li fuqhom hemm it-tnax-il isem tat-
tnax-il appostlu tal-Ħaruf.

15Dak li kien qiegħed ikellimni kellu qasba tal-qjies, tad-deheb, biex jieħu l-
qisien tal-Belt u tal-bibien u l-ħajt tagħha,

16belt kwadra, tul u wisa' wieħed. U ħa l-qjies tal-Belt bil-qasba, tul ta' tnax-il
elf stadju; tul u wisa' u għoli fiha l-istess.

17U ħa wkoll il-qjies tal-ħajt tagħha, mija u erbgħa u erbgħin driegħ b'qjies ta'
bniedem, jiġifieri ta' anġlu.

18Il-bini tal-ħajt huwa tal-ġaspru, u l-Belt deheb fin, ċar bħall-ħġieġ.

19Il-ħajt tal-Belt għandu pedamenti mogħnija b'kull xorta ta' ħaġar prezzjuż: l-
ewwel pedament ġaspru, it-tieni żaffir, it-tielet kalċedonju, ir-raba' żmerald,

20il-ħames sardoniċi, is-sitta kornalina, is-seba' krisolitu, it-tmienja berill, id-
disa' topazju, l-għaxar krisopazju, il-ħdax ġjaċint, u t-tnax ametist.

21U t-tnax-il bieb huma tnax-il ġawhra, kull bieb magħmul minn ġawhra waħda.
Il-pjazza tal-belt hi tad-deheb fin, tleqq qisha ħġieġa.


© 2020 Malta Bible Society.

22Ebda tempju ma rajt fiha, għax il-Mulej hu t-tempju tagħha, Alla li jista' kollox, u l-Ħaruf.

23U l-Belt ma teħtieġ la xemx u lanqas qamar biex idawluha, għax biex iddawwalha għandha l-glorja ta' Alla, u l-musbieħ tagħha l-Ħaruf.

24Il-ġnus jimxu bid-dawl tagħha, u s-slaten tal-art iġibulha l-glorja tagħhom.

25Il-bibien tagħha ma jingħalqux binhar, għax lejl hemmhekk ma jkunx hemm.

26U jġibu fiha l-glorja u l-ġieħ tal-ġnus.

27Imma ma tidħol fiha ebda ħaġa mniġġsa, ħadd li jagħmel ħwejjeġ mistkerrha, ebda ħaġa b'oħra ma tidħol, imma biss dawk li tniżżlu fil-ktieb tal-ħajja tal-Ħaruf.

## Apokalissi 22

1Imbagħad l-anġlu wrieni x-xmara tal-ilma tal-Ħajja, ċara daqs il-kristall, tgelgel mit-tron ta' Alla u tal-Ħaruf.

2F'nofs il-pjazza tal-Belt, fuq naħa u oħra tax-xmara, hemm siġra tal-Ħajja tagħmel frott ta' tnax-il xorta, trodd il-frott tagħha darba fix-xahar; il-weraq tas-siġra huma duwa tajba għall-ġnus.

3Ebda saħta ma jkun hemm iżjed. Fiha jkollha t-tron ta' Alla u tal-Ħaruf, u l-qaddejja tiegħu jaqduh,

4jaraw wiċċu, u jkollhom ismu fuq ġbinhom.

5Lejl ma jkunx hemm iżjed, u ma jkunux jeħtieġu dawl ta' musbieħ u dawl tax-xemx, għax il-Mulej Alla jkun jiddi fuqhom, u huma jsaltnu għal dejjem ta' dejjem.

### Il-miġja ta' Kristu

6Imbagħad qalli: "Dawn il-kelmiet huma minnhom u ta' min joqgħod fuqhom: il-Mulej stess, Alla tal-ispirti tal-profeti, bagħat l-anġlu tiegħu biex jgħarraf lill-qaddejja tiegħu bil-ħwejjeġ li għandhom jiġru dalwaqt.

7Arani ġej minnufih. Hieni min iħares il-kelmiet tal-profezija ta' dan il-ktieb."

8Kont jiena stess, Ġwanni, li smajt u rajt dawn il-ħwejjeġ kollha. U, wara li smajthom u rajthom, inżilt quddiem l-anġlu li wrihomli biex nagħtih qima f'riġlejh,

9imma qalli: "Hekk le! Jiena qaddej bħalek u bħal ħutek il-profeti, u bħal dawk li jħarsu l-kelmiet ta' dan il-ktieb. Il-qima lil Alla agħtiha."

10Qalli: "Il-kelmiet tal-profezija ta' dan il-ktieb tagħlaqhomx b'siġill, għax qorob iż-żmien.


© 2020 Malta Bible Society.

11 Min jagħmel il-ħażen, erħilu jagħmel iżjed; u min hu maħmuġ, ħallih jitħammeġ iżjed. Min jagħmel is-sewwa, ħa jżid jagħmel is-sewwa; u min hu qaddis jalla jkompli jitqaddes.

12 “Ara, jiena ġej dalwaqt, u miegħi nġib il-ħlas ħalli rrodd lil kull wieħed skont ma ħaqqu għal għemilu.

13 Jiena l-Alfa u l-Omega, l-Ewwel u l-Aħħar, il-Bidu u t-Tmiem!

14 “Hienja dawk li jaħslu lbieshom, sabiex ikollhom is-setgħa fuq is-siġra tal-Ħajja u jidħlu fil-Belt mill-bibien.

15 Jibqgħu barra l-klieb u s-saħħarin, iż-żienja u l-qattiela, l-idolatri u dawk kollha li jħobbu l-qerq u jagħmluh!”

### Għeluq

16 “Jien, Ġesù, bgħatt l-anġlu tiegħi ħalli jixhdilkom dawn il-ħwejjeġ dwar il-knejjes. Jiena r-Rimja tal-familja ta’ David, il-Kewkba tiddi ta’ filgħodu.”

17 L-Ispirtu u l-Għarusa jgħidu: “Ejja!” Min jisma’, ħa jgħid: “Ejja!” U min hu bil-għatx, ħa jiġi, ħa jieħu b’xejn min irid l-ilma tal-Ħajja.

18 Jiena nwissi lil kull min jisma’ l-kelmiet tal-profezija ta’ dan il-ktieb: jekk xi ħadd iżid magħhom, Alla jixħet fuqu l-kastigi msemmijin f’dan il-ktieb;

19 u jekk xi ħadd ineħħi xi kliem milli hawn fil-ktieb ta’ din il-profezija, Alla jneħħilu s-sehem li jmissu mis-siġra tal-Ħajja u mill-Belt il-qaddisa msemmijin f’dan il-ktieb.

20 Min qiegħed jagħti xhieda ta’ dawn il-ħwejjeġ jgħid: “Iva, jien dalwaqt ġej!” Hekk ikun. Ejja, Mulej Ġesù!

21 Il-grazzja ta’ Sidna Ġesù tkun ma’ kulħadd! Ammen.

IL-BIBBJA IL-KOTBA MQADDSA
Maltese DC Bible
© 2020 Malta Bible Society.
Għaqda Biblika Maltija
MALTESE BIBLE SOCIETY

# Esclarecimento

Trata-se de iniciativa particular, com os seguintes objetivos: (i) colaborar para divulgação dos diversos textos bíblicos disponíveis, e, (ii) facilitar o acesso a esses textos, inclusive por meio de download.

Todo esforço em tornar a Palavra de Deus acessível a todos, em quaisquer localidades e falantes das mais diversas línguas, precisa ser um objetivo de todos os que são guiados pelo Espírito Santo. Ele inspirou o profeta Jeremias a dizer "não ensinará jamais cada um ao seu próximo, nem cada um ao seu irmão, dizendo: Conhece ao SENHOR, porque todos me conhecerão, desde o menor até ao maior deles, diz o SENHOR" (Jer. 31:34).

Jesus, também, falou assim: "e será pregado este evangelho do reino por todo o mundo, para testemunho a todas as nações" (Mat. 24:14).

Muitas organizações foram constituídas com o propósito de fazer a Bíblia disponível nas diversas línguas. Não é uma tarefa simples. Anos de trabalho, dedicação e entrega são necessários para esta tão extraordinária missão.

O texto deste trabalho está disponível na internet, em páginas eletrônicas de organizações que produzem ou divulgam bíblias, sem acréscimos de notas ou comentários. Assim, reconhecendo e respeitando os direitos que possuem sobre seus trabalhos, incumbe a todos os que amam a Palavra de Deus, o esforço em contribuir para amplificar sua divulgação.

Se possível, faça download do texto, para que sejamos, também, guardiões da Bíblia, e, com isso, preservando-a para as futuras gerações.

Divulga a Palavra de Deus, ela mostra o Caminho e permite a todos, que se conheça Sua vontade, em todos os lugares e épocas.

Marcel da Glória Pereira

2021, Vitória/ES - Brasil

Capa: Floresta em Região Temperada. Trata-se de imagem disponibilizada na internet, dentre as que não informam haver restrição ao uso.